القرآن الكريم

وترجمة معانيه إلى اللغة المالطية

ترجمة

مارتن زميت

محمد السعدي



مكتب بنغازي - ليبيا

القرآن الكريم

وترجمة معانيه إلى اللغة المالطية

ترجمة

مارتن زمّيت

محمد السعدي

جمعية الدعوة الإسلامية العالمية
طرابلس - الجماهيرية العربية الليبية الشعبية الاشتراكية العظمى

Il-Qoran Imqaddes

maqlub mill-Għarbi minn

MARTIN R. ZAMMIT
MUĦAMMAD EL-SADI

L-Għaqda Dinjija għas-Sejħa Islamika
Tripli - Libja

WERREJ

Daħla bl-Għarbi v

Daħla bil-Malti ix

Is-Suriet f'Ordni Numeriku xii

Is-Suriet f'Ordni Alfabetiku xvi

Traskrizzjoni Fonetika xix

Daħla għal kull Sura xx

Il-Qoran bil-Malti 1

Tagħrif Ġenerali dwar l-Islam: Twemmin, Ġrajjiet u Persunaġġi 605

Tifsir il-Kliem 620

Appendiċi: L-Isbaħ Ismijiet ta' Alla l-Imbierek 623

Indiċi Tematiku 629



المقدمة

القرآن الكريم هو كلام الله تعالى الذي أنزله على النبي محمد صلى الله عليه وسلم بواسطة جبريل عليه السلام، وهو خاتم الوحي الإلهي، والمعجزة الخالدة، والشريعة الصالحة لكل زمان ومكان، وهو مصدر العقيدة والشريعة والقيم وطريق الحياة بالنسبة لأكثر من بليون مسلم في العالم. ونظراً لعالمية الإسلام، وأهمية القرآن، فقد تُرجمت معانيه إلى عشرات اللغات العالمية والإقليمية والوطنية.

وقد تأخّر صدور ترجمة مالطية لمعاني القرآن الكريم نظراً لحداثة الوجود الإسلامي المعاصر بمالطا والذي بدأ عملياً في السبعينيات، ونظراً لصغر الجالية الإسلامية. ومع تنامي الوجود الإسلامي بمالطا، وتزايد الاهتمام بالإسلام، فقد تزايد الشعور بالحاجة إلى ترجمة القرآن الكريم إلى اللغة المالطية التي تنحدر من اللغة العربية. وقد صدرت أول ترجمة لمعاني القرآن الكريم عام 2000 بقلم الأب أدموند ثوما، الراهب الكاثوليكي المتخصص بالدراسات العربية والإسلامية من المعهد البابوي للدراسات العربية والإسلامية بروما. ورغم تقديرنا للجهد الكبير الذي بذله الأب ثوما وروح الشجاعة والتسامح التي تحلى بها وهو يقدم القرآن الكريم لأول مرة بالمالطية، فإن الترجمة – كما ذكر الأب ثوما في مقدمته – كانت تستهدف القارئ النصراني أساساً، حيث ذيل ترجمة النص القرآني بهوامش وتعليقات نابعة من وجهة نظر نصرانية بحتة.

وهكذا زادت الحاجة إلى ترجمة نابعة من الرؤية الإسلامية للقرآن الكريم، وتستهدف القراء على اختلاف أديانهم واهتماماتهم، وتلبي حاجة المسلمين المالطيين إلى

الإطلاع على تعاليم القرآن الكريم بلغتهم القومية. وإنه لشرف عظيم لنا أن نضطلع بهذه المهمة الجليلة وأن نقدم هذه الترجمة المالطية التي طالما انتظرها المسلمون بمالطا خصوصاً والمهتمون بالإسلام عموماً. وقد رجعنا في ترجمتنا إلى أمهات كتب التفسير القديمة والكثير من كتب التفسير الحديثة. كما رجعنا إلى العديد من ترجمات القرآن الكريم بلغات مختلفة والكثير من المراجع اللغوية. وحيث أنّ النصّ القرآني نصٌّ إلهي مقدس فإنه يستحقّ ويستوجب أجمل صياغة أدبية مالطية. لذا حرصنا كل الحرص على أن نكون مخلصين للنص القرآني ومجتهدين في ترجمته بأجمل صياغة قريبة من معانيه، بقدر ما يتسع الجهد والعقل البشري المحدود لكلام الله المطلق الذي كلما غصت فيه شعرت بعظمة الله وإعجاز القرآن الكريم وعجز العقل عن الإحاطة بمعانيه اللا متناهية والمتجددة والتي تبدو كالبحر المحيط بلا نهاية ولا قرار.

أما من الناحية العملية، فإن إعجاز القرآن الكريم الذي يعني أن الإنسان، مهما أُوتي من العلم، عاجز عن معارضة النص الإلهي لغةً ومضموناً، وعاجز عن الإحاطة الكاملة بمعانيه، يجعل أية ترجمة، مهما بلغت من الدقّة، عاجزة عن الحلول محلّ النصّ العربي الأصلي الذي نزل على النبي محمد عليه الصلاة والسلام. ففي كثير من الأحيان يكتفي القرآن الكريم بكلمتين للتعبير عن حقيقة إلهية قد يحتاج مترجم إلى جملة أو أكثر لنقلها إلى لغة أخرى. ولذا فإن أية ترجمة لمعاني كتاب الله تعالى لا تكون في أحسن الأحوال إلا انعكاساً باهتاً للنصّ الأصلي الساطع. وفي ضوء هذه الاعتبارات، فيتضح للقارئ أنه تستحيل الإشارة إلى "ترجمة القرآن الكريم"، وتقتصر جهود المترجم على إنتاج "ترجمة لبعض معاني القرآن الكريم".

ومعروف أن نظرية الترجمة لا تشجّع الترجمة الحرفية، دون مراعاة البنية النحوية للغة الترجمة. ففي هذه الحالة، تُعتبر الترجمة ناقصة ولا ترقى إلى المستوى المنشود. ولكن هذا المبدأ يمكن التوسع فيه في حالة التقارب اللغوي بين اللغة الأصلية ولغة الترجمة، كما هو الحال في العربية والمالطية. وحيثما أمكن، ودون فقدان المعنى المالطي، ودون أي تكلّف وتقعّر، حرصنا على محاكاة النصّ العربي الأصلي مختارين الكلمات ذات الجذور المشتركة في اللغتين، إلى درجة وقوع التشابه الكبير وأحياناً التطابق في البناء اللغوي بين العديد من الآيات الأصلية وترجمتها إلى المالطية. وقد حرصنا بقدر الإمكان على التوفيق بين اللغة المالطية الأدبية والمالطية المعاصرة. كما حرصنا على الاحتفاظ ببعض الكلمات المالطية المطابقة للعربية، والتي قلّ استعمالها في المالطية المعاصرة، مع تقديم شرح لها في الملحق اللغوي. وعليه يمكن القول إن هذه الترجمة لمعاني القرآن الكريم تُعتبر من أقرب الترجمات إلى النصّ القرآني. ومن أجل إيصال معاني النصّ القرآني بأكبر قدر ممكن من الوضوح للقارئ فقد عمدنا إلى إدراج شروح مختصرة وضرورية لفهم النصّ ضمن الترجمة وجعلناها بين أقواس تميّزها عن ترجمة النصّ الأصلي راجعين فيها إلى التفاسير المعتمدة.

ونودّ أن نتقدم بالشكر والعرفان للدكتور أوليفر فريجيري، الأديب المعروف وأستاذ اللغة المالطية بجامعة مالطا الذي تفضل بمراجعة هذه الترجمة، وأثراها بتوجيهاته القيمة التي ساهمت في صدور هذه الترجمة على هذا النحو الدقيق. كما نودّ أن نشكر السيد ماريو عبد الرحمن فروجة، الداعية بفرع جمعية الدعوة الإسلامية العالمية بمالطا، الذي راجع هذه الترجمة وساهم في تنقيحها. ولا ننسى أن نتقدم بالشكر والتقدير للسيد مصباح عبد الله الذي كان رائداً لمشروع هذه الترجمة. وشكرنا الجزيل وامتناننا الكبير لكل الإخوة القائمين على جمعية الدعوة الإسلامية العالمية الذين وجدنا منهم كل

تشجيع ودعم وحرص على صدور هذه الترجمة والذين أكرمونا بتولي جمعية الدعوة الإسلامية لطباعتها ونشرها. ونخص بالذكر الدكتور محمد أحمد الشريف، أمين الجمعية والأستاذ عمّار حريبة أمين مكتب الدعوة والمراكز الإسلامية، والأستاذ محمد نصر أمين مكتب الإعلام والنشر، والأستاذ وجدي نشنوش أمين فرع الجمعية بمالطا.

ونسأل الله عزّ وجلّ أن يجزي خير الجزاء كل من ساهم في ظهور هذه الترجمة إلى الوجود. كما نتضرع إلى الله تعالى أن يجعل هذا العمل خالصاً لوجهه، وأن يتقبله منا بفضله، ويكتب لنا أجره، وأن ينفع به كل من يقرأه. ولله الحمد والشكر كما ينبغي لجلال وجهه وعظيم سلطانه أن وفقنا لإتمام هذا العمل الجليل، وما كنا لنبدأه ونتمّـــه لولا توفيق الله. والله ذو الفضل العظيم.

المترجمان

DAĦLA

Il-Qoran imqaddes huwa Kliem Alla l-Imbierek. Alla niżżlu fuq il-Profeta Muhammad (sliem fuqu) permezz ta' l-anġlu Gabrijel (is-sliem fuqu).[1] Il-Qoran huwa l-aħħar rivelazzjoni divina, miraklu għal dejjem, liġi li tgħodd għal kull żmien u mkien, u l-għajn tat-twemmin, tal-liġi, tal-valuri, u t-triq tal-ħajja għal aktar minn biljun Mislem fid-dinja.

Minħabba li l-Islam huwa reliġjon dinjija, u fid-dawl ta' l-importanza tal-Qoran imqaddes, din ir-rivelazzjoni divina tfissret f'għexieren ta' ilsna internazzjonali, nazzjonali u reġjonali. Il-Qoran imqaddes imfisser bil-Malti dam ma deher, sew minħabba l-fatt li l-preżenza Misilma f'Malta hija żvilupp riċenti li jmur lura biss għas-snin sebgħin, kif ukoll minħabba ċ-ċokon tal-komunità Misilma lokali.

Aktar ma l-Misilmin f'Malta bdew jiżdiedu, u magħhom żdied l-interess fl-Islam, aktar bdiet tinħass il-ħtieġa tal-Qoran imqaddes imfisser bl-ilsien Malti, ilsien imnissel mill-ilsien Għarbi. Kien fis-sena 2000 li għall-ewwel darba deher il-Qoran imqaddes imfisser bil-Malti, xogħol il-patri Franġiskan Edmund Teuma li għamel l-istudji tiegħu fl-Istitut Pontifiċju għall-Istudji ta' l-Għarbi u l-Islamistika f'Ruma. Minkejja li napprezzaw l-isforz kbir ta' Patri Teuma, u l-ispirtu ta' kuraġġ u tolleranza li wera meta ppreżenta l-Qoran imqaddes għall-ewwel darba bl-ilsien Malti, madanakollu x-xogħol tiegħu, kif stqarr huwa stess fid-dahla tiegħu, kien maħsub l-aktar għall-qarrej Nisrani. Fil-fatt it-traduzzjoni tiegħu tal-Qoran hija msieħba b'noti u kummenti minn perspettiva strettament Nisranija.

Kien għalhekk li kompliet tinħass il-ħtieġa għall-Qoran imqaddes imfisser mill-perspettiva Islamika u maħsub għall-qarrejja kollha, huma x'inhuma r-reliġjonijiet u l-interessi tagħhom. Barra minn hekk, dan ix-xogħol għandu jaqdi l-ħtiġijiet tal-Misilmin Maltin, sabiex isiru midħla tat-tagħlim tal-Qoran imqaddes bl-ilsien nazzjonali tagħhom. Kien ta' ġieħ kbir għalina li nidħlu għal ħidma wisq importanti bħal din, u li nwasslu din it-traduzzjoni Maltija li ilha mistennija hafna mill-Misilmin Maltin b'mod partikulari, u minn kulmin għandu interess fl-Islam b'mod ġenerali.[2] Fit-thejjija ta' din it-traduzzjoni mxejna fuq l-aqwa xogħlijiet bl-ilsien Għarbi, sew qodma kif ukoll riċenti, li jfissru l-versi tal-Qoran imqaddes. Ikkonsultajna wkoll verżjonijiet tal-Qoran imfisser f'bosta ilsna, kif ukoll għadd ta' xogħlijiet lingwistiċi. It-test tal-Qoran huwa divin u mqaddes, u għalhekk jisthoqq u jitlob li jingieb għall-Malti fl-isbaħ għamla letterarja. Kien għalhekk li għamilna minn kollox biex inkunu fidili lejn it-test Qoraniku u naqilbuh, kemm jista' jkun, fl-isbaħ sura li tkun toqrob l-aktar lejn l-oriġinali, dejjem fil-limitazzjonijiet tal-mohh uman. Dan għaliex kull meta l-bniedem joghdos fil-Kliem assolut ta' Alla, huwa dlonk iħoss il-kobor ta' Alla u n-natura ta' l-għaġeb tal-Qoran imqaddes li tagħmilha impossibbli li jinkiteb ktieb ieħor bħalu. Il-bniedem jifhem li bil-mohh uman tiegħu ma jistax jasal għat-tifsir bla tmiem

---

[1] Minn issa 'l quddiem il-fraži *is-sliem fuqu* tibda tidher fl-għamla mqassra: s.f.

[2] Qegħdin nużaw il-kelma "traduzzjoni" fis-sens wiesa' tagħha. Fl-Islam wieħed ma jitkellimx dwar "it-traduzzjoni tal-Qoran", kif se naraw f'din id-dahla stess.

u dejjem jiġġedded tal-Qoran imqaddes. Għall-bniedem, tifsir il-Qoran jidher bħal baħar bla tmiem u bla qiegħ.

Min-naħa prattika, wieħed jeħtieġ li jżomm quddiem għajnejh in-natura ta' l-għaġeb tal-Qoran imqaddes. Dan ifisser li l-bniedem, għaref kemm hu għaref, ma jista' qatt iħabbatha mat-test divin, sew f'dak li huwa l-ilsien u sew fil-kontenut, u ma jista' qatt jifhem it-tifsir assolut tiegħu. Dan ifisser ukoll li kull traduzzjoni, hi kemm hi mirquma, ma tista' qatt tieħu post l-oriġinal bl-ilsien Għarbi li niżel lill-Profeta Muħammad (s.f.). Ħafna drabi l-Qoran imqaddes jinqeda biss b'kelmtejn biex iwassal verità divina li t-traduttur ikun jeħtieġlu sentenza sħiħa, jew aktar, biex jaqlibha fi lsien ieħor. Għalhekk kull "traduzzjoni" tal-Ktieb ta' Alla l-Imbierek, anki fl-aħjar każijiet, ma tkun qatt aktar minn rifless mitfi tat-test oriġinali li jilma' kollu dija. Fid-dawl ta' dawn il-ħsibijiet il-qarrej jifhem li ma huwiex possibbli li wieħed jitkellem dwar "traduzzjoni tal-Qoran imqaddes." L-isforzi tat-traduttur iwasslu biss biex jipproduċu "traduzzjoni ta' xi tifsir tal-Qoran imqaddes".

Huwa fatt magħruf li t-teorija tat-traduzzjoni ma theġġiġx it-traduzzjoni kelma b'kelma, minħajr ma jkunu meqjusa l-binjiet grammatikali u sintattiċi ta' l-ilsien oriġinali u ta' l-ilsien tat-traduzzjoni. F'dan il-każ it-traduzzjoni titqies bħala nieqsa u ma tilħaqx il-livell mixtieq. Madanakollu, dan il-prinċipju jitlob kunsiderazzjoni speċjali meta jkun hemm qrubija lingwistika bejn l-ilsien oriġinali u l-ilsien tat-traduzzjoni, bħal fil-każ ta' l-ilsien Għarbi u l-ilsien Malti. Kull fejn kien possibbli, minħajr ebda telf ta' tifsir, u minħajr tqanżiħ, rajna li nżommu qrib tat-test oriġinali Għarbi u, fejn stajna, għażilna kliem li għandu l-istess għeruq fiż-żewġ ilsna. Ir-riżultat kien li, ħafna drabi, wasalna għal xebh grammatikali, sintattiku u lessikali kbir bejn ħafna versi oriġinali u versi bil-Malti. Barra minn hekk, għamilna minn kollox biex inwasslu x-xogħol tagħna bi lsien Malti letterarju li jersaq kemm jista' jkun lejn l-ilsien Malti ta' żminijietna. Rajna wkoll li għandna nħaddmu xi kliem Malti li jaqbel għal kollox mal-kliem Għarbi iżda li ma għadux wisq fuq fomm il-Maltin. Dan il-kliem ġbarnieh u fissirnieh – jew aħjar fakkarnieh - fit-taqsima msejħa "Tifsir il-Kliem" li tinsab fi tmiem dan il-ktieb. Fid-dawl ta' dan it-tagħrif wieħed jista' jgħid li din it-traduzzjoni Maltija "ta' xi tifsir tal-Qoran imqaddes" tista' titqies bħala waħda mill-eqreb traduzzjonijiet lejn it-test Qoraniku oriġinali. Ħadna ħsieb ukoll li fit-traduzzjoni ndaħħlu spjegazzjonijiet fil-qosor ħafna li huma meħtieġa biex wieħed jifhem it-test. Dawn l-ispjegazzjonijiet, imsejsa fuq għejun Misilma awtorevoli, qegħdniehom bejn parentesi u jidhru b'tipa korsiva. Dan għamilnieh biex inwasslu lill-qarrej it-tifsir tal-versi Qoraniċi b'mod aktar ċar u mifhum.

Nixtiequ niżżu ħajr u nuru l-apprezzament tagħna lil Oliver Friggieri, professur ta' l-ilsien Malti u tal-letteratura fl-Università ta' Malta, li ġentilment qara din it-traduzzjoni u ma naqasx li jagħtina l-pariri siewja tiegħu. Dan għenna mhux ftit biex inwasslu lill-qarrej traduzzjoni kemm jista' jkun tajba. Irridu nroddu ħajr ukoll lis-sur Mario Għabd ar-Raħmān Farrugia, uffiċjal fit-taqsima ta' Malta ta' l-Għaqda Dinjija għas-Sejħa Islamika, li qara din it-traduzzjoni u ta sehmu biex tkun ħielsa mill-iżbalji. Ma rridux ninsew nagħtu ħajr ukoll lis-sur Musbāħ Għabd Allāħ li kien il-pijunier tal-proġett ta' din it-traduzzjoni. Ma jonqosx li niżżu ħajr kbir u rridu nuru l-apprezzament kollu tagħna lill-uffiċjali ta' l-Għaqda Dinjija għas-Sejħa Islamika li

minghandhom dejjem sibna kull interess, inkoraġġiment u għajnuna fil-pubblikazzjoni ta' din it-traduzzjoni. Huma għamlulna ġieh kbir meta qablu li l-Għaqda taghhom tidħol għall-pubblikazzjoni ta' dan ix-xogħol. Hawn irridu nsemmu lil Dr Muhammad Ahmad ax-Xarif, segretarju ġenerali ta' l-Ghaqda Dinjija għas-Sejħa Islamika, lis-sur Għammār Ħrejba, segretarju ta' l-uffiċċju tal-propagazzjoni u taċ-ċentri Islamiċi, lis-sur Muhammad Nasr, segretarju tat-taqsima ta' l-informazzjoni u tal-pubblikazzjonijiet, u lis-sur Waġdi Naxnux, segretarju tal-fergħa Maltija ta' l-Ghaqda f'Malta.

Nitolbu lil Alla l-Imbierek biex irodd il-ħlas misthoqq lil kull min kellu sehem fit-thejjija ta' din it-traduzzjoni. Nitolbu wkoll li dan ix-xogħol jogħġob lil Alla l-Għoli, u biex fil-ġenerożità bla tarf tieghu jilqghu minghandna u jaghtina l-premju tieghu. Ahna nittamaw li dan ix-xogħol ikun ta' fejda għal kulmin jaqrah. Lil Alla t-tifhir u l-hajr, kif jisthoqq fil-kobor bla tmiem tieghu, talli għenna biex inġibu fi tmiemha din il-hidma ta' wisq ġieh. Minghajr l-ghajnuna tieghu ahna ma konniex nibdewha u lanqas intemmuha. Ta' Alla l-akbar tjieba.

It-Tradutturi

Is-Suriet f'Ordni Numeriku

In-Numru tas-Sura	Isem is-Sura	L-Għadd tal-versi	Paġna
1	*Fātiħa, 'al-* (الفاتحة)	7	1
2	*Baqara, 'al-* (البقرة)	286	2
3	*Āl Għimrān* (آل عمران)	200	50
4	*Nisā', 'an-* (النساء)	176	77
5	*Mā'ida, 'al-* (المائدة)	120	106
6	*'Angħām, 'al-* (الأنعام)	165	128
7	*'Agħrāf, 'al-* (الأعراف)	206	151
8	*'Anfāl, 'al-* (الأنفال)	75	177
9	*Tawba, 'at-* (التوبة)	129	187
10	*Jūnus* (يونس)	109	208
11	*Hūd* (هود)	123	221
12	*Jūsuf* (يوسف)	111	235
13	*Raġħd, 'ar-* (الرعد)	43	249
14	*'Ibrāhīm* (ابراهيم)	52	255
15	*Ħiġr, 'al-* (الحجر)	99	262
16	*Naħl, 'an-* (النحل)	128	267
17	*'Isrā', 'al-* (الإسراء)	111	282
18	*Kahf, 'al-* (الكهف)	110	293
19	*Marjam* (مريم)	98	305
20	*Ṭā' Hā'* (طه)	135	312
21	*'Anbijā', 'al-* (الأنبياء)	112	322
22	*Ħaġġ, 'al-* (الحجّ)	78	332
23	*Mu'minūn, 'al-* (المؤمنون)	118	342
24	*Nūr, 'an-* (النور)	64	350
25	*Furqān, 'al-* (الفرقان)	77	359
26	*Xugħarā', 'ax-* (الشعراء)	227	367
27	*Naml, 'an-* (النمل)	93	377
28	*Qaṣaṣ, 'al-* (القصص)	88	385

In-Numru tas-Sura	Isem is-Sura	L-Ghadd tal-versi	Paġna
29	*Għankabūt, 'al-* (العنكبوت)	69	396
30	*Rūm, 'ar-* (الروم)	60	404
31	*Luqmān* (لقمان)	34	411
32	*Saġda, 'as-* (السجدة)	30	415
33	*'Aħżāb, 'al-* (الأحزاب)	73	418
34	*Saba'* (سبأ)	54	428
35	*Fāṭir* (فاطر)	45	434
36	*Jā' Sīn* (يا سين)	83	440
37	*Ṣāffāt, 'aṣ-* (الصافات)	182	446
38	*Ṣād* (صاد)	88	453
39	*Żumar, 'aż-* (الزمر)	75	458
40	*Għāfir* (غافر jew *'al-Mu'min* المؤمن)	85	467
41	*Fuṣṣilat* (فصّلت)	54	477
42	*Xūrā, 'ax-* (الشورى)	53	483
43	*Żuħruf, 'aż-* (الزخرف)	89	489
44	*Duħān, 'ad-* (الدخان)	59	496
45	*Ġāṭija, 'al-* (الجاثية)	37	499
46	*'Aħqāf, 'al-* (الأحقاف)	35	502
47	*Muħammad* (محمد)	38	507
48	*Fatħ, 'al-* (الفتح)	29	511
49	*Ħuġurāt, 'al-* (الحجرات)	18	515
50	*Qāf* (قاف)	45	518
51	*Dārijāt, 'aḍ-* (الذاريات)	60	520
52	*Ṭūr, 'aṭ-* (الطور)	49	523
53	*Naġm, 'an-* (النجم)	62	526
54	*Qamar, 'al-* (القمر)	55	528
55	*Raħmān, 'ar-* (الرحمن)	78	531
56	*Wāqigħa, 'al-* (الواقعة)	96	534
57	*Ħadīd, 'al-* (الحديد)	29	537
58	*Muġādila, 'al-* (المجادلة)	22	542
59	*Ħaxr, 'al-* (الحشر)	24	545
60	*Mumtaħana, 'al-* (الممتحنة)	13	549

In-Numru tas-Sura	Isem is-Sura	L-Għadd tal-versi	Paġna
61	*Ṣaff, 'aṣ-* (الصفّ)	14	551
62	*Ġumgħa, 'al-* (الجمعة)	11	553
63	*Munāfiqūn, 'al-* (المنافقون)	11	554
64	*Tagħābun, 'at-* (التغابن)	18	556
65	*Ṭalāq, 'aṭ-* (الطلاق)	12	558
66	*Taħrīm, 'at-* (التحريم)	12	560
67	*Mulk, 'al-* (الملك)	30	562
68	*Qalam, 'al-* (القلم)	52	564
69	*Ħāqqa, 'al-* (الحاقّة)	52	566
70	*Maġħāriġ, 'al-* (المعارج)	44	568
71	*Nūħ* (نوح)	28	570
72	*Ġinn, 'al-* (الجنّ)	28	572
73	*Mużżammil, 'al-* (المزّمل)	20	574
74	*Muddaṭṭir, 'al-* (المدّثر)	56	575
75	*Qijāma, 'al-* (القيامة)	40	577
76	*'Insān, 'al-* (الإنسان)	31	578
77	*Mursalāt, 'al-* (المرسلات)	50	580
78	*Naba', 'an-* (النبأ)	40	582
79	*Nāżiġħāt, 'an-* (النازعات)	46	583
80	*Għabasa* (عبس)	42	585
81	*Takwīr, 'at-* (التكوير)	29	586
82	*Infiṭār, 'al-* (الانفطار)	19	587
83	*Muṭaffifīn, 'al-* (المطفّفين)	36	587
84	*Inxiqāq, 'al-* (الانشقاق)	25	589
85	*Burūġ, 'al-* (البروج)	22	590
86	*Ṭāriq, 'aṭ-* (الطارق)	17	591
87	*'Aġħlā, 'al-* (الأعلى)	19	591
88	*Għāxija, 'al-* (الغاشية)	26	592
89	*Faġr, 'al-* (الفجر)	30	593
90	*Balad, 'al-* (البلد)	20	594
91	*Xams, 'ax-* (الشمس)	15	595
92	*Lajl, 'al-* (الليل)	21	595

In-Numru tas-Sura	Isem is-Sura	L-Għadd tal-versi	Paġna
93	*Ḍuħā, 'aḍ-* (الضحى)	11	596
94	*Xarḥ, 'ax-* (الشرح)	8	596
95	*Tīn, 'at-* (التين)	8	597
96	*Għalaq, 'al-* (العلق)	19	597
97	*Qadr, 'al-* (القدر)	5	598
98	*Bajjina, 'al-* (البيّنة)	8	598
99	*Żalżala, 'aż-* (الزلزلة)	8	599
100	*Għādijāt, 'al-* (العاديات)	11	599
101	*Qārigħa, 'al-* (القارعة)	11	600
102	*Takāṯur, 'at-* (التكاثر)	8	600
103	*Għaṣr, 'al-* (العصر)	3	601
104	*Humaża, 'al-* (الهمزة)	9	601
105	*Fīl, 'al-* (الفيل)	5	601
106	*Qurajx* (قريش)	4	602
107	*Māgħūn, 'al-* (الماعون)	7	602
108	*Kawṯar, 'al-* (الكوثر)	3	602
109	*Kāfirūn, 'al-* (الكافرون)	6	603
110	*Naṣr, 'an-* (النصر)	3	603
111	*Masad, 'al-* (المسد jew *'al-Lahab* اللهب)	5	603
112	*'Iḫlāṣ, 'al-* (الإخلاص)	4	604
113	*Falaq, 'al-* (الفلق)	5	604
114	*Nās, 'an-* (الناس)	6	604

Is-Suriet f'Ordni Alfabetiku

Isem is-Sura	Isem is-Sura bil-Malti	In-Numru tas-Sura	Paġna
Āl Għimrān	Il-Familja ta' Għimrān	3	50
'Agħlā, 'al-	L-Oġhla Wieħed	87	591
'Agħrāf, 'al-	Is-Swar	7	151
'Aħqāf, 'al-	L-Għoljiet tar-Ramel	46	502
'Aħżāb, 'al-	Il-Partiti Magħquda	33	418
'Angħām, 'al-	Il-Frat	6	128
'Anbijā', 'al-	Il-Profeti	21	322
'Anfāl, 'al-	Il-Priża tat-Taqbida	8	177
Bajjina, 'al-	Il-Prova	98	598
Balad, 'al-	Il-Belt	90	594
Baqara, 'al-	Il-Baqra	2	2
Burūġ, 'al-	Il-Kostellazzjonijiet	85	590
Ḏārijāt, 'aḏ-	L-Irjieħ Derrejja	51	520
Ḍuħā, 'aḍ-	Id-Dawl ta' l-Għodwa	93	596
Duẖān, 'ad-	Id-Duħħan	44	496
Fātiħa, 'al-	Il-Ftuħ	1	1
Fāṭir	Il-Ħallieq	35	434
Faġr, 'al-	Dawl is-Sebħ	89	493
Falaq, 'al-	Is-Sebħ	113	604
Fatħ, 'al-	Ir-Rebħa	48	511
Fīl, 'al-	L-Iljunfant	105	601
Furqān, 'al-	Il-Qjies	25	359
Fuṣṣilat	Il-Versi Mfasslin	41	477
Ġāẖija, 'al-	Dak Għarkubbtejh	45	499
Ġinn, 'al-	Il-*Ġinn*	72	572
Ġumgħa, 'al-	Il-Ġimgħa	62	553
Għādijāt, 'al-	Iż-Żwiemel Lebbieta	100	599
Għabasa	Dak li qarras Wiċċu	80	585
Għalaq, 'al-	Id-Demm Magħqud	96	597
Għankabūt, 'al-	Il-Brimba	29	396
Għaṣr, 'al-	Iż-Żmien	103	601
Għāfir ('al-Mu'min)	Dak li jaħfer (Dak li emmen)	40	467
Għāxija, 'al-	Il-Ġrajja li tgħatti għal kollox	88	592
Hūd	Hūd	11	221
Ħāqqa, 'al-	Dik li sseħħ żgur	69	566
Ħadīd, 'al-	Il-Ħadid	57	537
Ħaġġ, 'al-	Il-Pellegrinaġġ	22	332
Ħaxr, 'al-	Il-Ġabra	59	545
Ħiġr, 'al-	'al-Ħiġr	15	262

Isem is-Sura	Isem is-Sura bil-Malti	In-Numru tas-Sura	Paġna
Ħuġurāt, 'al-	Il-Kmamar ta' Ġewwa	49	515
Humaża, 'al-	Dak li jhobb iqasqas	104	601
'Ibrāhīm	Abraham	14	255
'Iḫlāṣ, 'al-	It-Twemmin Safi	112	604
Infiṭār, 'al-	It-Tiċrit	82	587
'Insān, 'al-	Il-Bniedem	76	578
Inxiqāq, 'al-	It-Tixqiq	84	589
'Isrā', 'al-	Is-Safra Billejl	17	282
Jā' Sīn	L-Ittri *Jā' Sīn*	36	440
Jūnus	Ġona	10	208
Jūsuf	Ġużeppi	12	235
Kāfirūn, 'al-	Dawk li ma jemmnux	109	603
Kahf, 'al-	L-Għar	18	293
Kawṯar, 'al-	Ix-Xmara 'al-Kawṯar	108	602
Lajl, 'al-	Il-Lejl	92	595
Luqmān	Luqmān	31	411
Maghāriġ, 'al-	Turġien it-Tlugħ	70	568
Mā'ida, 'al-	Il-Mejda	5	106
Māgħūn, 'al-	Il-Karità	107	602
Marjam	Marija	19	305
Masad, 'al- (jew *'al-Lahab*)	Il-Ħabel Mibrum tal-Palm (*jew* L-Ilsien tan-Nar)	111	603
Mu'minūn, 'al-	Dawk li jemmnu	23	342
Muddaṯir, 'al-	L-Imgħotti fil-Ħwejjeġ	74	575
Muḥammad	Muḥammad	47	507
Muġādila, 'al-	Dik li thaqqaqha	58	542
Mulk, 'al-	Is-Setgħa	67	562
Mumtaḥana, 'al-	Il-Mistħarrġa	60	549
Munāfiqūn, 'al-	Dawk ta' Wiċċ b'Ieħor	63	554
Mursalāt, 'al-	L-Irjieħ Mibgħuta	77	580
Muṭaffifīn, 'al-	Dawk li jqarrqu fl-Użin	83	587
Mużżammil, 'al-	L-Imgeżwer fil-Ħwejjeġ	73	574
Nās, 'an-	In-Nies	114	604
Nāżigħāt, 'an-	Dawk (*l-Anġli*) li jaħtfu	79	583
Naba', 'an-	L-Aħbar	78	582
Naħl, 'an-	In-Naħal	16	267
Najm, 'an-	Il-Kewkba	53	526
Naml, 'an-	In-Nemel	27	377
Naṣr, 'an-	L-Għajnuna	110	603
Nisā', 'an-	In-Nisa	4	77
Nūħ	Noè	71	570

Isem is-Sura	Isem is-Sura bil-Malti	In-Numru tas-Sura	Paġna
Nūr, 'an-	Id-Dawl	24	350
Qāf	L-Ittra *Qāf*	50	518
Qārigħa, 'al-	L-Ghawġ il-Kbir	101	600
Qadr, 'al-	Id-Destin u l-Glorja	97	598
Qalam, 'al-	Il-Pinna	68	564
Qamar, 'al-	Il-Qamar	54	528
Qaṣaṣ, 'al-	L-Istorja	28	385
Qijāma, 'al-	Il-Qawmien	75	577
Qurajx	Qurajx	106	602
Raġħd, 'ar-	Ir-Raghad	13	249
Raħmān, 'ar-	Dak Kollu Ħniena	55	531
Rūm, 'ar-	Il-Biżantini	30	404
Ṣād	L-Ittra *Ṣād*	38	453
Saba'	Saba	34	428
Ṣaff, 'aṣ-	Is-Saff	61	551
Ṣāffāt, 'aṣ-	Dawk Miġburin f'Saffi	37	446
Saġda, 'as-	L-Att ta' Qima	32	415
Ṭā' Hā'	L-Ittri *Ṭā' Hā'*	20	312
Ṭāriq, 'aṭ-	Il-Kewkba li tinfed	86	591
Tagħābun, 'at-	It-Tilwim bejn il-Ħżiena Tellifin	64	556
Taħrīm, 'at-	Il-Projbizzjoni	66	560
Takāṯur, 'at-	Il-Pika fit-Tkattir tal-Ġid	102	600
Takwīr, 'at-	It-Tiwi	81	586
Ṭalāq, 'aṭ-	Id-Divorzju	65	558
Tawba, 'at-	L-Indiema	9	187
Tīn, 'at-	It-Tin	95	597
Ṭūr, 'aṭ-	Il-Muntanja	52	523
Wāqigħa, 'al-	Il-Ġrajja	56	534
Xams, 'ax-	Ix-Xemx	91	595
Xarħ, 'ax-	It-Twessigh	94	596
Xugħarā', 'ax-	Il-Poeti	26	367
Xūrā, 'ax-	Il-Konsultazzjoni	42	483
Żalżala, 'aż-	It-Theżżiża	99	599
Żuħruf, 'aż-	It-Tiżjin tad-Deheb	43	489
Żumar, 'aż-	Il-Ġemghat	39	458

TRASKRIZZJONI FONETIKA

Kull meta nhasset il-ħtieġa li xi kliem bl-ilsien Għarbi, bħal ismijiet ta' mkejjen, ta' persuni, jew xi terminoloġija teknika, jintwera fi trażlitterazzjoni fonetika, ħaddimna sistema li toqrob, kemm jista' jkun, lejn l-alfabett Malti. Mit-tmienja u għoxrin ittra ta' l-alfabett Għarbi, sbatax jinħassu bħal fil-pronunzja ta' l-ilsien Malti standard.

Konsonanti li jitlissnu bħal fl-ilsien Malti:

b (*bā'* ب)	t (tā' ت)	ġ (*ġīm* ج)	ħ (*ħā'* ح)
d (*dāl* د)	r (*rā'* ر)	ż (*żāj* ز)	s (*sīn* س)
x (*xīn* ش)	f (*fā'* ف)	k (*kāf* ك)	l (*lām* ل)
m (*mīm* م)	n (*nūn* ن)	w (*wāw* و)	j (*jā'* ي)

' (*ħamża* ء) – waqfa glottali, bħall-ħoss /q/ tal-kelma Maltija *dqiq*.

Konsonanti li ma jinsabux fl-ilsien Malti:

t̲	(t̲ā' ث)	– bħall-ħoss /th/ fil-kelma Ingliża *three*
ḥ	(*ḥā'* ح)	– bħall-ħoss /ch/ fil-kelma Ġermaniża *acht*
d̲	(*d̲āl* ذ)	– bħall-ħoss /th/ fil-kelma Ingliża *those*
ṣ	(*ṣād* ص)	– *se* enfatika li fil-Malti ħadet il-ħoss ta' /s/ mhux enfatika
ḍ	(*ḍād* ض)	– *de* enfatika li fil-Malti ħadet il-ħoss ta' /d/ mhux enfatika
ṭ	(*ṭā'* ط)	– *te* enfatika li fil-Malti ħadet il-ħoss ta' /t/ mhux enfatika
ẓ	(*ẓā'* ظ)	– *że* enfatika li fil-Malti ħadet il-ħoss ta' /d/ mhux enfatika
għ	(*għajn* ع)	– ħoss faringali li ntilef fl-ilsien Malti
g̲ħ	(*g̲ħajn* غ)	– bħall-ħoss /r/ fil-kelma Franċiża *Paris*
q	(*qāf* ق)	– bħall-ħoss uvulari /q/ li jinstama' fil-Kottonera u f'Għawdex
h	(*hā'* ه)	– l-ittra /h/ imlissna ħafif ħafna (l-*akka* tal-Malti)

Il-Vokali:

a (ـَ) vokali /a/ qasira (bħal *baħar*)	– ā (ا) vokali /ā/ twila (bħal *mar*)
u (ـُ) vokali /u/ qasira (bħal *tuffieħ*)	– ū (و) vokali /ū/ twila (bħal *sur*)
i (ـِ) vokali /i/ qasira (bħal *ġibs*)	– ī (ي) vokali /ī/ twila (bħal *bir*)

Dahla għal kull *Sura*[3]

1. Suret il-Ftuħ:

Din l-ewwel sura, jiġifieri kapitlu tal-Qoran (bl-Għarbi: *'al-Qur'ān*) tissejjaħ *'al-Fātiħa* għaliex hija "tiftaħ" dan il-Ktieb imqaddes.[4] Dan ma jfissirx li hija kienet l-ewwel sura li niżlet lill-Profeta Muħammad, is-sliem fuqu.[5] Il-Qoran mhux imqassam skond l-ordni kronoloġiku tas-suriet, iżda kien Alla l-Imbierek li nebbaħ lill-Profeta Muħammad (s.f.) it-taqsim intern tiegħu. Din is-sura hekk qasira tiġbor il-qofol tal-Qoran kollu, u tar-rabta bejn Alla l-Imbierek u l-bniedem ħolqien tiegħu. Minħabba f'hekk, Suret il-Ftuħ titqies bħala *'Ummu l-Kitāb*, jiġifieri "Omm il-Ktieb", għaliex tiġbor fiha t-tifħir, ir-radd ta' ħajr lil Alla, u l-istqarrija li Hu waħdu jisthoqq il-qima. Din is-sura tħabbar ukoll li Alla huwa Sid il-ħolqien u li l-ħniena tiegħu hija bla tarf. Barra minn hekk, hija tagħti għarfien lil Jum il-Qawmien u lill-Ġudizzju, u titlob minghand Alla t-tmexxija t-tajba. Skond *'al-Ħadīṯ 'aṣ-Ṣaħīħ*, jiġifieri l-ġabra tat-tradizzjoni awtentika tal-Profeta Muħammad (s.f.), suret *'al-Fātiħa* hija l-akbar sura fil-Qoran imqaddes.[6] Hija tissejjaħ ukoll *'as-sabgħ 'al-maṯānī* ("is-seba' versi mtennija") għaliex hija magħmula minn seba' *'ājāt*, jiġifieri versi, li huma mtennija fit-talb (ara l-Qoran 15:87).[7] Din is-sura tissejjaħ ukoll *'al-ħamd* ("it-tifħir") għaliex tibda billi tfaħħar lil Alla, bħalma ħawn min isibha bl-isem *'aṣ-ṣalāt* ("it-talb"), kif naqraw fil-*Ħadīṯ 'aṣ-Ṣaħīħ*. Dan għaliex, biex it-talb jgħodd, irid ikun imsieħeb mill-qari tal-*Fātiħa*. L-importanza ta' din is-sura ġejja wkoll mill-fatt li hija tiġbor fiha sejħa lil Alla. Fil-fatt it-tifsira tal-kelma *ṣalāt* fl-ilsien Għarbi hija "sejħa". Din is-sura tissejjaħ *'ar-ruqja* ("amulet, talisman"), kif ukoll *'ax-xifā'* ("il-fejqan") u dan minħabba li tinqara fuq il-morda bit-tama li, bir-rieda ta' Alla l-Imbierek, iseħħ il-fejqan.

2. Suret il-Baqra:

Din hija l-itwal sura fil-Qoran imqaddes. Hija niżlet lill-Profeta Muħammad (s.f.) matul l-ewwel u t-tieni sena wara l-*Hiġra*.[8] Dan seħħ fil-belt ta' Medina, l-aktar belt importanti fil-peniżola Għarbija wara Mekka. Isimha ttieħed mill-baqra li tissemma fil-versi 67-73 li l-Lhud kienu ordnati joffru lil Alla l-Imbierek, iżda dawn, bħal f'ħafna drabi oħra, għamlu minn kollox biex jevitaw li jobdu l-amar ta' Alla. F'din is-sura, fost l-oħrajn, tintiseġ il-ġrajja tal-ħolqien tal-bniedem u jissemma Abraham (s.f.), il-bniedem mill-aktar ġust li kien fidil għall-aħħar lejn Alla u t-twemmin safi tiegħu (l-Islam). Minn Abraham (s.f.) ħarġu żewġ ġnus kbar: il-ġens Għarbi, minn ibnu Ismagħel (s.f.), u l-ġens Lhudi, minn ibnu Iżakk (s.f.). Kienu Abraham u ibnu Ismagħel (s.f.) li bnew il-*Kagħba* fil-belt ta' Mekka. Il-*Kagħba* hija l-eqdem maqdes

---

[3] Sura: Ara t-Tagħrif Ġenerali. Minn issa 'l quddiem *sura* mhux se tidher aktar f'ittri korsivi.

[4] *'al-Qur'ān*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

[5] Il-frażijiet "is-sliem fuqu" u "is-sliem fuqhom": Ara t-Tagħrif Ġenerali.

[6] *'al-Ħadīṯ 'aṣ-Ṣaħīħ*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

[7] *'āja*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

[8] *niżlet*: "ġiet rivelata". Ara t-Tagħrif Ġenerali (taħt *Tinżil*). Minn issa 'l quddiem l-espressjoni *wara l-Hiġra* tibda tidher imqassra hekk: w.H. Ara wkoll it-Tagħrif Ġenerali għal aktar tagħrif dwar il-*Hiġra*.

mibni mill-bniedem għall-qima ta' Alla l-Imbierek.[9] Din is-sura turi l-kwalitajiet ta' dawk li jemmnu tassew, u l-kwalitajiet ta' dawk ta' wiċċ b'iehor. Hija titkellem fit-tul dwar il-Lhud u tirrakkonta xi ġrajjiet mill-istorja tagħhom. Din is-sura tfakkar fit-tjieba kbira ta' Alla lejn il-ġens Lhudi u kif dawn warrbu dan kollu, għawġu l-verità, u ċaħdu t-tagħlim tar-reliġjon. Bħal f'suriet oħra li niżlu f'Medina, Suret il-Baqra titkellem fit-tul dwar ħwejjeġ li jolqtu x-*Xarīgħa*, il-liġi Misilma li hija l-qofol tal-ħajja soċjali tal-Misilmin.[10] Barra minn hekk, is-sura titkellem dwar il-kult Mislem u jissemmew it-talb u f'liema direzzjoni għandu jsir (*'al-qibla*),[11] is-sawm, il-karità (*'aż-żakāt*),[12] il-pellegrinaġġ (*'al-ħaġġ*) lejn l-imkejjen imqaddsa ta' l-Islam,[13] il-*ġihād*,[14] kif ukoll aspetti oħra mill-ħajja ta' kuljum, bħaż-żwieġ, id-divorzju, il-kitba tat-testment, il-kummerċ, l-imġiba tajba mal-foqra u ma' l-iltiema, l-użura, id-djun, il-logħob ta' l-azzard, l-imħatri, ix-xorb li jsakkar, is-seħer, u bosta temi importanti oħra li għadhom attwali ħafna sal-lum. F'din is-sura jinsab ukoll il-bidu tat-tiswir tal-*'Umma*, jiġifieri tal-familja kbira tal-Misilmin immexxija fuq il-prinċipji tal-liġi Misilma.[15] Suret il-Baqra tintemm b'talba mill-isbaħ għall-maħfra tad-dnubiet u tan-nuqqasijiet tal-bniedem, u għall-għajnuna kontra l-qerq ta' l-għedewwa ta' l-Islam. Il-Profeta Muħammad innifsu (s.f.) kien wera s-siwi kbir ta' din is-sura meta qal: "Araw li djarkom ma tagħmluhomx oqbra. Ix-Xitan jaħrab mill-post fejn tinqara Suret il-Baqra."[16] Darba oħra l-Profeta (s.f.) qal: "Aqraw Suret il-Baqra, għaliex meta żżommuha jkollkom il-barka, u meta thalluha jkollkom il-ħasra. Is-sħaħar ma jistgħux għaliha."[17] Il-vers numru 282 f'Suret il-Baqra huwa l-itwal vers fil-Qoran kollu. F'din is-sura wkoll insibu l-vers numru 255, imsejjaħ "il-vers tas-Siġġu", u huwa meqjus bħala l-aqwa vers fil-Qoran imqaddes. Dan il-vers, flimkien ma' l-aħħar żewġ versi ta' din is-sura, iħarsu lill-bniedem, bir-rieda ta' Alla l-Imbierek, mix-xjaten u l-ħsara tagħhom. Tajjeb li wieħed jiftakar li meta l-Misilmin jaqraw il-Qoran imqaddes huma dejjem iżommu quddiem għajnejhom li l-kelliem ma huwa ħadd ħlief Alla l-Imbierek. Madanakollu, f'xi suriet Alla jħalli lill-ħolqien tiegħu jitkellem. Kull kelma Għarbija fil-Qoran, sew fil-forma kif ukoll fit-tifsira tagħha, hija minghand Alla.

3. Suret il-Familja ta' Għimrān:

Isem din is-sura ttieħed mill-versi 33-37 li jitkellmu dwar il-familja ta' Għimrān, missier Marija omm Ġesù (s.f.). Din is-sura tiġbor fiha bosta stejjer. Il-versi 1 sa 83 jittrattaw id-djalogu li kien sar bejn il-Profeta Muhammad (s.f.) u ġemgħa ta' Nsara

---

[9] *'al-Kagħba*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.
[10] *'ax-Xarīgħa*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.
[11] *'al-qibla*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.
[12] *'aż-żakāt*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.
[13] *'al-ħaġġ*, u *'al-'Islām*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.
[14] *'al-ġihād*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.
[15] *'al-'Umma*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.
[16] Skond Muslim u Tirmiḏī. Dawn huma tnejn minn għadd ta' awtoritajiet li ġabru t-tradizzjoni orali u miktuba (is-*Sunna*) tal-Profeta Muhammad (s.f.). Ara t-Tagħrif Ġenerali dwar Muslim, Tirmiḏī u s-*Sunna*.
[17] Skond Muslim.

Għarab minn Naġrān, fil-Jemen, li kienu żaru l-belt ta' Medina fid-disa' sena tal-*Hiġra*. Is-sura titkellem ukoll dwar Marija u nisilha, twelidha, it-trobbija tajba tagħha, u l-qagħda għolja tagħha fl-Islam. Dan għaliex hija ntgħażlet biex fiha jseħħ il-miraklu tat-twelid ta' Ġesù l-Messija (s.f.) minghajr is-seħem ta' missier. Suret *Āl Ghimrān* tiffoka hafna fuq il-mirakli tal-Messija, il-profezija tiegħu, il-missjoni tiegħu, u l-irfigħ tiegħu mid-dinja. Din is-sura tisħaq fuq in-natura umana ta' Ġesù (s.f.) u ssejjaħ lil-Lhud u l-Insara biex jemmnu fil-messaġġ ta' Muhammad (s.f.) permezz tad-djalogu, fl-isfond tar-rabta u ta' l-għaqda bejn il-messaġġi divini. Fl-istess waqt li titkellem dwar Marija u Ġesù (s.f.), din is-sura ssemmi wkoll lill-Profeti Żakkarija u Ġwanni (s.f.). Is-sura ssejjaħ lill-Misilmin biex ikunu magħqudin, jagħmlu l-ġid, iżommu sħiħ mal-valuri ta' l-Islam, u jħallu f'idejn ir-rieda ta' Alla l-Imbierek. Barra minn hekk, din is-sura tagħmel referenza għall-battalja ta' Badr (2 w.H.) kif ukoll tittratta fid-dettall il-battalja ta' 'Uhud (3 w.H.), u ġrajjiet oħra.

4. Suret in-Nisa:

Suret in-Nisa hija waħda mis-suriet twal li niżlu f'Medina u, bħall-bqija tas-suriet minn din il-belt, din is-sura tittratta bosta punti tax-*Xarīgha*, jiġifieri l-liġi Misilma, li jolqtu l-mara, id-dar, u l-familja. Kien minħabba f'hekk li din is-sura ssejħet b'dan l-isem. Suret in-Nisa titkellem bil-miftuħ dwar il-jeddijiet tan-nisa u ta' l-iltiema (l-aktar dawk bniet), dwar persuni li jieħdu ħsieb dawn l-iltiema, jedd l-iltiema għall-wirt, għall-qligħ u għaż-żwieġ, u kwistjonijiet oħra ta' natura prattika. L-Islam ġab bidla radikali għall-aħjar fil-qagħda ta' dawn il-membri dgħajfa tas-soċjetà. Dan minħabba li fiż-żmien qabel ma deher l-Islam, fil-bidu tas-seba' seklu w.K., in-nisa, it-tfal, u l-iltiema ftit li xejn kienu mħarsa mis-soċjetà primittiva pagana. Il-Qoran imqaddes ġab bxara tajba għan-nisa għaliex, minn dakinhar 'il quddiem, il-jeddijiet tagħhom għaddota, għall-wirt u għal imġiba tajba lejhom min-naħa ta' żwieġhom huma mħarsa mil-liġi ta' Alla stess. Suret in-Nisa turi f'dettall kbir kif għandu jsir il-qsim tal-wirt, bil-haqq. Barra minn hekk, hija tgħallem lill-Misilmin liema huma n-nisa li jistgħu jiżżewġu, u titkellem dwar ir-relazzjonijiet tal-koppja fiż-żwieġ. Fost l-oħrajn din is-sura tgħallem li d-dota ma hijiex xi ħlas li bih ir-raġel jixtri lil martu minghand missierha, iżda hija għotja ġeneruża li ssaħħaħ imħabbithom. Din is-sura ma titkellimx biss dwar in-nisa imma tittratta wkoll il-jeddijiet li għandu r-raġel fuq martu, kif ukoll il-jeddijiet li għandha l-mara fuq żewġha. Ir-raġel huwa mgħallem kif għandu jġib ruħu fil-ħajja miżżewġa, anki fil-waqtiet ibsin ta' kriżi.

Wara li titkellem dwar il-familja, suret in-Nisa tgħaddi biex tittratta l-qagħda tas-soċjetà Misilma. Is-solidarjetà bejn il-Misilmin hija ta' importanza kbira: minbarra li jgħinu lil xulxin, il-Misilmin jeħtieġ li jagħdru lil xulxin u jimxu bil-ġustizzja ma' xulxin. Din is-sura tittratta wkoll l-omiċidju u l-liġijiet dwaru. Hija ma tonqosx li titkellem dwar il-ħtieġa li s-soċjetà Misilma titħares mit-theddid li jiġiha minn barra, u tgħallem kif il-Misilmin jeħtieġ li jitħejjew biex iħarsu s-soċjetà tagħhom. Suret in-Nisa sahansitra titkellem dwar ir-regoli li l-Misilmin għandhom jimxu fuqhom meta jiġu f'kuntatt ma' nazzjonijiet oħra, sew jekk ikunu ħbieb, newtrali, u sew jekk għedewwa. Is-sura titkellem fit-tul dwar il-qerq ta' l-ipokriti fis-soċjetà u dwar il-

ħtieġa li l-Misilmin iħabirku biex jikxfu l-ħażen tagħhom u jitħarsu minnhom. Suret in-Nisa twissi dwar il-periklu li jiġi min-naħa ta' xi whud minn Nies il-Ktieb, l-aktar mil-Lhud, minħabba l-mod li bih dawn kienu ġabu rwiehhom mal-Profeti ta' Alla l-Imbierek. Is-sura turi wkoll li Ġesù (s.f.) huwa bniedem, u huwa l-qaddej u l-Profeta ta' Alla. Hija tikkonferma li huwa ma ssallabx, iżda Alla refgħu lejh. Din hija sura li ssejjaħ lill-Insara biex iħallu t-twemmin fit-Trinità, iduru lejn it-twemmin f'Alla Wieħed u jagħrfu li Muħammad (s.f.) huwa Profeta ta' Alla.

5. Suret il-Mejda:

Ħafna minn din is-sura niżlet fil-belt ta' Medina fis-sitt sena tal-*Hiġra*. Madanakollu, it-tielet vers kien l-aħħar vers tal-Qoran li niżel lil Muħammad (s.f.). Dan il-vers iħabbar li t-twemmin tal-Misilmin, l-Islam, kien tħejja u tlesta bħala r-reliġjon għalihom. Fil-fatt dan il-vers kien niżel matul l-aħħar pellegrinaġġ tal-Profeta Muħammad (s.f.) lejn Mekka, u kien għaddieħ lil eluf kbar ta' Misilmin miġbura fil-post magħruf bħala Għarafāt, ftit biss qabel mewtu. Isem is-sura, *Il-Mejda*, huwa meħud mill-versi 112 'il quddiem, li jittrattaw il-ġrajja ta' meta d-dixxipli ta' Ġesù (s.f.) kienu talbu li titniżżlilhom mis-sema mejda mħejjija bl-ikel biex jemmnu li kien tassew il-Mibgħut ta' Alla. Bħas-suriet l-oħra li niżlu f'Medina, din is-sura tittratta, b'mod ġenerali, il-ħtieġa li jitħarsu d-dmirijiet u l-preċetti ta' l-Islam. Barra minn hekk, f'din is-sura jissemmew bosta liġijiet ta' xejra reliġjuża u soċjali. Il-Misilmin huma mħeġġa biex ma jiksrux il-patt tagħhom ma' Alla, bħalma kienu għamlu qabilhom ħafna minn Nies il-Ktieb, jiġifieri l-Lhud u l-Insara. Minħabba f'hekk, din is-sura tkompli tixħet iżjed dawl fuq ir-relazzjoni mill-aktar imwieġħra bejn il-ġens Lhudi u l-Profeta tagħhom Mosè (s.f.) matul l-erbgħin sena li terrqu mitlufin fid-dežert. Din is-sura tislet il-ġrajja ta' wlied Adam, Abel u Kajin (*Hābīl* u *Qābīl* bl-Għarbi) li jirrappreżentaw il-qawwiet tat-tajjeb u tal-ħażen rispettivament. Suret il-Mejda tindirizza lil-Lhud u lill-Insara, tiddiskuti t-twemmin tagħhom, u tistedinhom biex jemmnu fil-missjoni ta' Muħammad (s.f.).

6. Suret il-Frat:

Din is-sura tmur lura għall-aħħar żmien tal-Profeta Muħammad (s.f.) f'Mekka, ftit qabel ma telaq lejn il-belt ta' Medina fis-sena 622 w.K. Madanakollu, il-versi numru 91, 92, 93, 151, 152 u 153 aktarx li tniżżlu lil Muħammad meta kien f'Medina. Isem is-sura, *Suret il-Frat*, jiġifieri l-bhejjem bid-dwiefer mifruqin, bħall-iġmla, il-baqar, in-naħaġ u l-moġoż, huwa meħud minn erba' versi li fihom din il-kelma ssemmiet sitt darbiet. Jitfakkar ukoll is-sagrifiċċju tal-bhejjem mill-pagani lill-idoli qabel id-dehra ta' l-Islam. Din is-sura tishaq b'mod partikulari fuq tliet prinċipji ewlenin: 1. it-twemmin f'Alla Wieħed u l-kwalitajiet divini tiegħu, 2. ir-rivelazzjoni tal-messaġġ ta' Alla l-Imbierek lill-bnedmin kollha, u 3. il-qawmien minn bejn l-imwiet u l-għoti tal-ħlas mistħoqq lil kulħadd, tajbin jew ħżiena. Is-sura tirreferi wkoll għal ġrajja f'ħajjet Abraham (s.f.) meta kien għadu fost niesu l-pagani. Is-sura tittratta wkoll dwar is-sagrifiċċji u dwar ċerti projbizzjonijiet fl-Islam. Wieħed jinnota li għalkemm *Suret il-Frat* niżlet fi żmien iebes ħafna għall-Profeta Muħammad (s.f.) u għall-ftit Misilmin li kellu miegħu, żmien ta' qtigħ il-qalb u persekuzzjoni qalila mill-pagani ta' Mekka li

ma ridux jafu bit-tagħlim ta' l-Islam, madanakollu fis-sura ma humiex neqsin l-elementi ta' ottimiżmu li jbassru r-rebħa aħħarija tal-Misilmin fuq il-ħażen.

7. Suret is-Swar:

Din hija waħda mill-itwal suriet li niżlu f'Mekka. Hija niżlet fl-aħħar żmien tal-Misilmin f'dik il-belt, qabel ma telqu lejn Medina fis-sena 622 w.K. Madanakollu, xi studjużi jaħsbu li l-versi 163-170 niżlu f'Medina. Bħas-suriet Mekkin l-oħra, Suret is-Swar tiħaq fuq it-tagħlim ewlieni ta' l-Islam: *it-tawħīd*, jiġifieri t-twemmin f'Alla Wieħed biss, il-messaġġ ta' Alla mwassal permezz tal-Profeta Muhammad (s.f.), il-qawmien mill-imwiet, u l-ħlas xieraq fil-Ġenna jew fl-Infern. Din is-sura tagħfas ħafna fuq tema ewlenija: l-oppożizzjoni li qamet sa mill-ewwel żminijiet kontra r-rieda ta' Alla l-Imbierek. Minħabba f'ħekk tissemma s-suppervja tax-Xitan li, bħala ħolqien min-nar, ma felaħx jara lil Alla jsawwab it-tjieba tiegħu fuq il-bniedem, ħolqien mit-tajn. Is-sura tkompli tinseġ l-istorja ta' kif il-bniedem ma baqax miexi fit-triq ta' Alla. Din it-tendenza baqgħet tiġri warajh matul l-istorja kollha tiegħu fuq l-art. Isem din is-sura hu meħud mill-vers 46: "U bejniethom ħemm velu *(li bħal sur għoli jifred il-Ġenna mill-Infern)*, u fuq is-swar ħemm irġiel li jagħrfu lil kulħadd mill-marki tagħhom." Dan il-vers huwa interessanti ħafna għaliex jirreferi għal ġemgħa ta' nies li la huma minn dawk it-tajbin li jinsabu fil-Ġenna, u lanqas huma mill-ħżiena ta' l-Infern. F'din is-sura biss tissemma din it-tielet ġemgħa ta' nies li tinsab bħal fuq ħajt għoli, bejn il-Ġenna u l-Infern. F'Jum il-Ħaqq dawn in-nies ikollhom il-fakultà li jagħrfu lit-tajbin mill-ħżiena: ta' l-ewwel ikollhom wiċċhom jiddi, kollu bjuda, filwaqt li tat-tieni jkollhom wiċċhom imġemmed, kollu swidija. Skond uħud mill-istudjużi ta' l-Islam, nies is-swar huma dawk li f'ħajjithom għamlu ġid daqskemm għamlu deni. Minħabba f'ħekk baqgħu f'dan l-imkien imbieġed indaqs mill-Ġenna u mill-Infern. Huma jibqgħu f'din il-qagħda sa dakinhar li Alla l-Imbierek jagħmel ħaqq minnhom, u lil uħud jagħtihom il-premju tal-Ġenna, u lil oħrajn jagħtihom il-kastig fl-Infern. Din is-sura tittratta wkoll il-ġrajjiet ta' whud mill-Profeti, bħal Noè, Hūd, Ṣāliħ, Lot, Xugħajb, u Mosè (s.f.), biex il-Mislem jitgħallem minnhom.

8. Suret il-Priża tat-Taqbida:

Din is-sura ħadet isimha mill-kelma *'al-'anfāl* li tinsab fl-ewwel vers. Hija waħda mis-suriet li niżlu fil-belt ta' Medina u li għandhom x'jaqsmu mal-leġiżlazzjoni Misilma, l-aktar dak li jolqot il-gwerra kontra l-aggressuri (*il-ġihād*). Għalhekk din is-sura tagħti tagħrif dwar kundizzjonijiet ta' sliem u gwerra, u x'għandu jsir mill-priġunieri u mill-priża maqbuda fit-taqbid. Din is-sura niżlet wara t-taqbida ta' Badr, li kienet l-ewwel f'sensiela ta' taqbidiet fl-istorja ta' l-Islam. Minkejja li l-Misilmin kienu biss tliet mija, huma ħarġu rebbieħin fuq madwar elf pagan minn Mekka. Xi whud saħansitra jsejħu din is-sura Suret Badr. Din it-taqbida seħħet fix-xahar ta' *Ramaḍān* fit-tieni sena tal-*Hiġra*, jiġifieri fis-sena 624 w.K. It-tagħlima li toħroġ minnha għall-Misilmin hija li, bl-għajnuna ta' Alla l-Imbierek, anki meta jkun jidher li dawk li jemmnu huma ħafna anqas fl-għadd mill-aggressuri, u anqas imħejjija minnhom militarment, fl-aħħar mill-aħħar ir-rebħa tkun ta' dawk li jinsabu fit-triq it-tajba, li jagħmlu sagrifiċċju u jafdaw f'Alla.

9. Suret l-Indiema:

Din is-sura hija msemmija hekk minhabba r-referenza li hemm ghall-indiema fil-vers 104. Barra minn dan l-isem din is-sura nghatawlha madwar erbatax-il isem iehor, specjalment l-isem *barā'a*, li hija l-ewwel kelma f'din is-sura u li tfisser "helsien minn irbit jew minn obbligu, immunità". Din is-sura hija l-unika wahda li ma tibdiex bil-frazi tad-dahla li nsibuha fil-bidu tas-suriet l-ohra, jigifieri "F'Isem Alla Kollu Hniena, il-Hanin" (imqassra bl-Gharbi *basmala*). Dan ghaliex fiha Alla l-Imbierek amar gwerra kontra dawk li jiksru l-pattijiet mal-Misilmin, u ghalhekk dan ma jaqbilx mal-valur tal-hniena li nsibu fil-*basmala*. Din is-sura bdiet nieżla fid-disa' sena tal-*Higra*, fiż-żmien meta bdew isiru pellegrinaġġi mill-Misilmin f'Mekka, jigifieri sena wara l-helsien tal-belt mill-paganizmu. Huwa minhabba f'hekk li fil-versi 1-29 hemm bosta referenzi ghal dawn il-pellegrinaġġi, u dwar il-htieġa li l-pagani ma jithallewx jersqu lejn il-*Kagħba*. Mhux biss, talli l-Misilmin taw erba' xhur żmien lil dawn il-pagani, li kisru l-pattijiet mal-Misilmin, biex ihallu l-paganizmu taghhom, ghaliex inkella l-Misilmin iqisuhom ghedewwa taghhom u jkunu fi stat ta' gwerra kontrihom. Il-bqija tas-sura ghandha x'taqsam mat-taqbid tal-Misilmin kontra l-Bizantini f'Tabūk, belt fit-tramuntana ta' Medina. Is-sura titkellem ukoll dwar il-qaghda tal-Misilmin u tan-nies ta' wiċċ b'iehor, qabel u wara Tabūk. Minbarra aspetti ta' leġiżlazzjoni Misilma, is-sura titkellem ukoll dwar kategorija ta' nies li huma ta' periklu kbir ghall-Misilmin. Dawn huma l-ipokriti, dawk li juru wiċċ b'iehor bla ma qatt wiehed jista' jkun jaf fejn jinsab maghhom. Minhabba f'hekk, huma aktar perikoluzi mill-pagani. Fil-fatt fl-ewwel snin ta' l-Islam, iżda anki wara, huma ma kinux jitilfu okkażjoni wahda biex ifixklu l-hidma tal-Misilmin. Din is-sura kixfet is-sigrieti u l-pjanijiet ta' l-ipokriti, u kien ghalhekk li whud minn shab il-Profeta (s.f.) semmewha "is-sura li tikxef l-ghajb". F'din is-sura hemm referenza ghall-moskea msejha *'ad-Dirār* li kienu jiltaqghu fiha dawk ta' wiċċ b'iehor biex jikkonfoffaw kontra l-Misilmin, u li l-Profeta (s.f.) kien amar li kellha titwaqqa'. Naqraw ukoll dwar kif il-Misilmin kellhom iġibu ruhhom ma' Nies il-Ktieb, jigifieri ma' l-Insara u mal-Lhud. Is-sura ssejjah lill-Misilmin biex jiddefendu l-Islam u lilhom infushom, u biex ixerrdu l-ġustizzja u s-sliem.

10. Suret Ġona:

Din is-sura nizlet fil-belt ta' Mekka fl-ahhar żminijiet qabel l-emigrazzjoni (*'al-Higra*) ta' l-ewwel Misilmin lejn Medina. Madanakollu, tliet versi minnha nizlu f'Medina. Is-sura hija msemmija ghall-Profeta Ġona (s.f.) li jissemma fil-vers 98. Niesu kienu ghoddhom intilfu ghal kollox, iżda fl-ahhar nidmu minn dnubiethom u nhelsu mill-kastig ta' Alla l-Imbierek. Tissemma' wkoll l-istorja ta' Noè (s.f.) u niesu, kif ukoll dik ta' Mosè (s.f.) u l-Farghun. Il-qofol ta' dawn l-istejjer huwa l-kastig lill-hżiena u l-premju lill-ġusti. Din is-sura titkellem dwar punti ewlenin ta' l-Islam: it-twemmin f'Alla Wiehed, fil-Ktieb u fil-Mibghutin, fil-qawmien mill-mewt u fil-hlas misthoqq fil-Ġenna jew fl-Infern. Hafna mis-sura tittratta d-diffikultà li l-pagani ta' Mekka kellhom li jaċċettaw lil Muhammad (s.f.) bhala l-Mibghut ta' Alla. Dan minhabba li huwa kien wiehed minnhom, u kienu jafu sew min kien u min kienu niesu. Huma ma setghux iniżżluha li bniedem iltim u illitterat seta' qatt ikun Profeta ta' Alla. Ta'

pagani li kienu, huma stennew li ġieħ kbir bħal dan kellu jinghata lil xi sultan, jew lil xi ħadd f'pożizzjoni għolja. Ma hemmx għalfejn nghidu li, ġaladarba ma ridux jaċċettaw li l-iltim Muhammad (s.f.) kien Profeta, lanqas riedu jemmnu fil-messaġġ li kien qiegħed iwasslilhom: il-bxara tal-Qoran. Min-naħa l-oħra huma ma setgħux ma jithawdux bil-bosta meta bdew jaraw il-heġġa u d-dedikazzjoni totali ta' Muhammad (s.f.) għall-ħidma profetika tiegħu, ħekk li kien lest iħallas b'ħajtu biex jara li Kliem Alla jasal fosthom. Tifsira waħda kellhom għal dan kollu: li Muhammad (s.f.) kien qiegħed jinqeda bis-seħer biex jilħaq l-għanijiet tiegħu, u li saħansitra l-Qoran kien frott is-seħer. Suret Ġona taghlaq bl-amar ta' Alla l-Imbierek lill-Mibgħut Muhammad (s.f.) biex iżomm sħiħ mal-liġi ta' Alla u jistabar kemm jiflaħ fit-thabrik kbir tiegħu kontra l-qawwiet tal-ħażen u ta' l-injuranza.

11. Suret Hūd:

Din is-sura tniżżlet fl-aħħar żmien tal-Misilmin fil-belt ta' Mekka, għalkemm xi versi, bħall-114 u ta' warajh, kienu niżlu f'Medina. Isem din is-sura jirreferi għall-Mibgħut Hūd (s.f.), imsemmi fil-vers 50. Alla l-Imbierek kien bagħat lil dan il-Mibgħut iwissi lill-ġens ta' Għād, wieħed mill-ġnus tal-peniżola Għarbija tal-qedem. Dawn kienu nies ta' saħħa kbira, u kienu jaħsbu li ħadd ma jista' għalihom. Madanakollu, huma malajr ġew fix-xejn meta Alla l-Imbierek qeridhom b'riefnu tal-biża'. Din is-sura tagħmel referenza wkoll għal żewġ Mibgħutin oħra: Ṣāliħ (s.f.), mibgħut fost il-ġens ta' Tāmūd, u Xugħajb (s.f.), mibgħut iwissi lil nies Madjan. Barra minn hekk, f'Surat Hūd hemm aktar referenzi għal Noè (s.f.) li huwa meqjus bħala t-tieni missier tal-bniedem minħabba li, wara d-dilluvju, il-bnedmin tkattru minn niesu. Għalhekk din is-sura torbot tajjeb ma' dik ta' qabilha fir-referenza tagħha għal bosta Mibgħutin li Alla l-Imbierek bagħat għand bosta ġnus bil-għan li jurihom it-triq tat-twemmin safi. B'dawn il-ġrajjiet fil-pjan divin, Alla l-Imbierek ried isabbar lil Muhammad (s.f.) fil-waqtiet l-aktar iebsa tal-missjoni tiegħu, u ried ifakkru li Mibgħutin oħra bħalu kienu għaddew mill-istess saram. Surat Hūd titkellem ukoll dwar l-elementi ewlenin ta' l-Islam: it-twemmin f'Alla Wieħed, il-messaġġ ta' Alla lill-bnedmin, il-qawmien fl-Aħħar Jum, u l-ħlas fil-Ġenna jew fl-Infern.

12. Suret Ġużeppi:

Kontra s-suriet l-oħra tal-Qoran imqaddes, suret Ġużeppi tittratta esklussivament il-ħajja tal-Profeta Ġużeppi bin Ġakobb (s.f.). Fiha nsibu l-ġrajja tat-tiġrib u tat-tbatijiet li għadda minnhom dan il-Profeta ta' Alla l-Imbierek, sew minn ħutu stess, kif ukoll min-nies barranin li għex fosthom. Ġużeppi kellu ħajja tassew iebsa. Ħutu tefgħuh f'qiegħ ta' bir, imbagħad ftit wara sab ruħu mibjugħ fl-Eġittu, f'dar ta' wieħed mill-kbarat Eġizzjani. Huwa kien imġarrab, intefa' l-ħabs u fl-aħħarnett sar wieħed mill-aktar nies qrib is-sultan ta' l-Eġittu. Minkejja li din is-sura hija klassifikata ma' dawk li niżlu f'Mekka, aktarx sentejn qabel il-*Hiġra*, stilistikament hija differenti mis-suriet Mekkin. Fejn is-soltu f'dawn is-suriet jinstema' l-aktar il-leħen iebes li jwiddeb u jwissi l-pagani biex jibdlu ħajjithom u jħaddnu l-Islam, suret Ġużeppi hija mfassla b'mod mill-aktar mexxej, sabiħ u delikat. Żgur li l-ħlewwa ta' suret Ġużeppi twassal biex tfarraġ għal kollox lill-imnikket. Kien għalhekk li din is-sura niżlet bħal balzmu

fuq il-Profeta Muhammad (s.f.) li f'dawk iż-żminijiet kien ghaddej minn waqtiet ibsin hafna fil-missjoni tiegħu. Kien iż-żmien meta mitulu martu Ħadīġa u zijuh 'Abū Ṭālib, u meta l-oppożizzjoni tal-Qurajxin kontrih, u kontra l-ewwel Misilmin, kienet dejjem qieghda tihrax. Kien hekk kbir is-saram li kien ghaddej minnu, li dik is-sena baqghet maghrufa bhala "is-sena tan-niket". Bis-sahha ta' din is-sura Alla l-Imbierek ried isabbar lill-Profeta Muhammad (s.f.) u jfakkru li Profeti u Mibghutin ohra bhalu, fl-imghoddi, ġarrbu l-istess saram fit-taqbida taghhom kontra l-qawwiet tad-dlam. Madanakollu, l-Mibghutin ta' Alla dejjem harġu rebbihin fuq l-ghedewwa tas-sewwa, u ghalhekk Muhammad kien jehtieġ li jqawwi qalbu u jibqa' ghaddej bil-missjoni iebsa tiegħu sa l-ahhar.

13. Suret ir-Raghad:

Din is-sura hadet isimha mill-vers 13 li jirreferi ghar-raghad li jfahhar is-sebh ta' Alla. Il-beraq u r-raghad huma fenomeni naturali ta' l-ghaġeb li jaghtu idea żghira tal-qawwa u tas-setgha kbira ta' Alla l-Imbierek. Il-beraq iġib mieghu x-xita, ghajn ewlenija ta' hajja, iżda jista' jkun ukoll ghajn ta' qerda kbira. Dawn iż-żewġ opposti huma sinjal tas-setgha bla tarf ta' Alla l-imbierek. Din is-sura tibda b'referenza ghall-eżistenza ta' Alla Wieħed u ghall-fatt li, minkejja li s-sewwa deher biċ-ċar fil-Qoran imqaddes, kif ukoll fil-holqien sabih ta' madwarna, madanakollu xorta waħda hemm min igiddeb din ir-Rivelazzjoni divina. Aktar tard is-sura tfakkar lill-bniedem fil-qawmien mill-mewt u fil-ħlas, tajjeb jew ħażin, li hemm jistennieh. Huma tassew sbieh hafna t-tixbihat li jżejnu din is-sura. Bhal suriet ohra, Suret ir-Raghad titkellem biċ-ċar dwar il-liġi tal-konsegwenzi: Alla l-Imbierek ma jhares lejn wiċċ ħadd, Huwa imparzjali, u jagħti lil kulħadd il-ħlas li jistħoqqlu, skond ghemilu matul ħajtu. Aktarx li din is-sura niżlet fl-ahhar żminijiet tal-Misilmin f'Mekka, ghalkemm żewġ versi minnha fil-fatt niżlu f'Medina. Xi ghorrief tal-Qoran iqisu din is-sura bhala waħda rivelata f'Medina.

14. Suret Abraham:

Din is-sura tittratta temi ewlenin bhat-twemmin f'Alla l-Imbierek, it-twemmin fil-messaġġ tiegħu u fil-qawmien mill-mewt, meta kulhadd jinghata l-ħlas misthoqq, sabih jew ikrah. Is-sura tagħti prominenza lill-persuna tal-Mibghut ta' Alla u l-missjoni tiegħu, kif ukoll tfakkar fl-ghaqda bejn ir-Rivelazzjonijiet divini li waslu lill-bniedem matul iż-żminijiet. Il-Mibghutin (s.f.) ta' Alla l-Imbierek dehru fost il-bnedmin minn żmien ghal iehor biex ihabbru l-eżistenza ta' Alla Wieħed, u biex johorġu lill-umanità mid-dlam ta' l-injuranza ghad-dawl tat-twemmin. Minkejja li ghexu fi żminijiet u fost ġnus bil-wisq differenti minn xulxin, is-sejha taghhom hija waħda, u l-ghan taghhom huwa wieħed. Isem din is-sura huwa mnebbah mit-talba ta' Abraham (s.f.) fil-versi 35-41. Abraham (s.f.) jitqies bhala missier il-Profeti kollha, dak li qered l-idoli u sejjah lill-umanità biex tagħraf lil Alla Wieħed u tidħol fil-fidi safja ta' l-Islam. Is-sura niżlet matul l-ahhar tliet snin tal-Misilmin f'Mekka qabel il-*Hiġra*. Madanakollu, il-versi 28-30 niżlu f'Medina.

15. Suret 'al-Ħiġr:
Isem din is-sura ġej mill-isem ta' reġjun li kien jinsab bejn Medina u s-Sirja. F'dan ir-reġjun kien jgħammar it-tribù Ṯamūd li minnu ħareġ il-Mibgħut Ṣāliħ (s.f.). In-nies ta' din it-tribù kienu jħaffru djarhom fl-iġbla tal-madwar. Huma kienu serrhu rashom li fi djar bħal dawk xejn ma jista' għalihom. Madanakollu, dawn id-djar fil-blat xejn ma swewlhom biex jeħilsuhom mill-kastig ta' Alla li ġie fuqhom għal għarrieda u qeridhom ilkoll. Bħal suriet oħra, din is-sura tishaq fuq prinċipji ewlenin ta' l-Islam, bħalma huma t-twemmin f'Alla wieħed, il-missjoni profetika, il-qawmien mill-imwiet u l-ħlas misthoqq. Fuq kollox, din is-sura tfakkar fit-tiġrib kbir li kellhom jgħaddu minnu l-Mibgħutin ta' Alla l-Imbierek, sliem fuqhom, fil-qadi tal-missjoni tagħhom. Mill-aktar sbieħ huma l-versi li jitkellmu dwar is-sinjali li jinsabu fil-ħolqien u li jixhdu għall-kobor bla tarf tal-Ħallieq (vv. 16-22). Barra minn hekk, suret al-Ħiġr tfakkar fl-istorja ta' l-akbar suppervja, dik tax-Xitan Iblīs li, minbarra li tkabbar u ma kienx ried joqgħod għall-amar ta' Alla, wera mibegħda kbira lejn ġens il-bniedem u hedded li jibqa' jħabbtu sa l-aħħar taż-żminijiet (vv. 26-44). Minbarra din il-ġrajja, is-sura tirreferi wkoll għall-ġrajjiet ta' għadd ta' Mibgħutin, bħal Lot, Xugħajb, u Ṣāliħ (s.f.), bil-għan li jfakkru lill-Profeta Muhammad (s.f.) li anki dawn kellhom jgħaddu minn ħafna saram fil-qadi tal-missjoni tagħhom fost nies li ma ridux jisimgħu (ara versi 10 u 11). Il-Profeta Muhammad (s.f.) ma kellux jaqta' qalbu li xi darba l-pagani jaraw id-dawl u jemmnu, għaliex fl-aħħar mill-aħħar is-sewwa dejjem joħroġ rebbieħ. Mhux biss, talli l-aħħar versi tas-sura jfakkru lill-Profeta li kienet tassew grazzja kbira li Alla l-Imbierek kien għażlu biex iniżżillu l-Qoran imqaddes, u afdah bil-missjoni li jwassal l-Islam lill-bnedmin kollha.

16. Suret in-Naħal:
Suret in-Naħal tittratta aspetti ewlenin tar-reliġjon Misilma, bħalma huma t-twemmin f'Alla Wieħed, ir-Rivelazzjoni, u l-qawmien mill-imwiet. Is-sura tkompli tithaddet dwar bosta sinjali, fis-smewwiet u fl-art, li jixhdu għal Alla Wieħed, il-Ħallieq, u għall-qawwa divina tiegħu. Biżżejjed li wieħed iħares lejn il-ħolqien ta' madwaru biex jilmaħ dawn is-sinjali (versi 3-16): il-kwiekeb, l-ibħra bl-imrieket li jiġġerrew fihom, l-iġbla kbar, il-witat u l-widien, l-effett tax-xita fuq in-natura, eċċ. Fil-fatt l-għaref al-Qurṭubī kien iħobb isejjaħ din is-sura "Suret il-Grazzji", għaliex fiha Alla l-Imbierek isemmi għadd kbir ta' barkiet u grazzji li, fil-kobor tal-ħniena tiegħu, ħejja għall-qaddejja tiegħu l-bnedmin. Din is-sura ssejjaħ lill-bniedem biex jixtarr dawn il-ħwejjeġ kollha u jdur lejn Alla Wieħed. Fl-ewwel taqsima tagħha s-sura titkellem dwar kif il-pagani ċaħdu u żebilħu r-Rivelazzjoni divina u lill-Profeti (s.f.) li ġew biha. Imbagħad is-sura tfakkar lill-bnedmin fil-konsegwenzi koroh li hemm jistennewhom talli ċaħdu l-ġid kollu li Alla għamel magħhom u webbsu rashom fil-ħażen. Suret in-Naħal issemmiet hekk minħabba l-versi 68-69 li jitkellmu dwar in-naħla li fiha nnifisha u f'għemilha hemm xhieda mill-aktar ċara tal-kobor u l-qawwa ta' Alla l-Imbierek. Minkejja li din is-sura niżlet f'Mekka, fiha hemm versi, bħall-vers 126, li fil-fatt niżlu f'Medina. Is-sura tintemm b'amar lill-Profeta Muhammad (s.f.) biex isejjaħ lill-bnedmin iħaddnu l-Islam permezz ta' kliem l-għerf, bil-parir it-tajjeb, bid-djalogu kostruttiv u, fuq kollox, bis-sabar. Darba waħda, meta niżel l-ewwel vers minn

Suret il-Qamar "Qorbot is-siegha (*ta' Jum il-Qawmien mill-imwiet*) u xxaqqaq il-qamar...." (54:1), il-pagani hasbu li tmiem id-dinja kien fil-qrib u raw kif għamlu biex iżommu lura minn xi għemejjel ħżiena li kienu mdorrijin jagħmlu. Meta għadda ftit taż-żmien mhux ħażin u raw li ma ġara xejn minn dak li beżgħu, huma resqu lejn il-Profeta Muħammad (s.f.) u qalulu li ma kienu qegħdin jaraw xejn minn dak li kien qieghed ibeżżagħhom bih. Kien f'dak il-hin li Alla l-Imbierek niżżel l-ewwel vers ta' din is-sura.

17. Suret is-Safra Billejl:

Isem din is-sura huwa meħud mill-ewwel vers li jirreferi għall-vjaġġ mistiku tal-Profeta Muħammad (s.f.) li seħħ f'lejla waħda u li matulu nġarr b'mod mirakuluż mill-Moskea mqaddsa f'Mekka għall-Moskea *'al-'Aqsā* f'Ġerusalemm. Minn hemm huwa ttella' s-sema u ddaħħal fil-Preżenza Divina. Dan ġara fil-lejla tas-27 tax-xahar ta' Raġab fl-għaxar sena tal-missjoni tal-Profeta Muħammad (s.f.). Xi whud isejħu din is-sura *Banū 'Isrā'īl*, jiġifieri "Ulied Israel". Dan minħabba li l-bidu u t-tmiem ta' din is-sura jagħmlu referenzi għal-Lhud, u kif għal darbtejn fl-istorja tagħhom huma xxerrdu mad-dinja kollha minħabba li kienu dinbu kontra Alla l-Imbierek. Din is-sura, bħas-suriet Mekkin l-oħra, tittratta punti ewlenin tat-twemmin Mislem. Madanakollu, is-sura tisħaq ħafna fuq il-persuna tal-Profeta Muħammad (s.f.) u fuq il-Qoran imqaddes, li huwa l-akbar sinjal li l-Mibgħut ta' Alla xandar għall-bnedmin kollha. Il-vjaġġ lejn Ġerusalemm u t-tlugħ fis-sema huwa wieħed minn għadd ta' sinjali li juru u jikkonfermaw il-profezija ta' Muħammad (s.f.). Uħud mill-versi ta' din is-sura jitkellmu dwar is-sinjali fil-ħolqien li juru s-setgħa ta' Alla l-Wieħed. Versi oħrajn għandhom temi morali u soċjali, bħall-karità mal-qraba u l-fqar, ir-rispett lejn il-ġenituri, il-ħarsien tal-ġid ta' l-iltiema, l-umiltà, il-ġustizzja, il-projbizzjoni tal-qtil u taż-żina. Is-sura tirreferi wkoll għall-ġrajja tal-ħolqien, għal Adam (s.f.) u x-Xitan, u għall-istorja ta' Mosè (s.f.) mal-Fargħun. Għalkemm *Sūrat al-'Isrā'* hija meqjusa bħala waħda mis-suriet li niżlu f'Mekka, xi studjużi tal-Qoran jidhrilhom li hemm xi versi li niżlu f'Medina.

18. Suret l-Għar:

Isem din is-sura meħud mill-ġrajja taż-żgħażagħ li, waqt persekuzzjoni tal-pagani kontrihom, ħarġu minn arthom biex iżommu twemminhom u marru sabu kenn ġewwa għar fejn damu, f'għamla ta' raqda twila, għal tliet mija u disa' snin sħaħ. Wara dan iż-żmien twil Alla l-Imbierek qajjimhom mir-raqda (ara versi 9-26). L-għan ta' din il-ġrajja huwa li ssaħħaħ it-twemmin fil-qawmien mill-imwiet. It-tieni storja f'din is-sura hija dik ta' Mosè (s.f.) u al-Ḫidr. Din hija storja dwar l-umiltà fil-kisba ta' l-għerf. Alla l-Imbierek kien għarraf xi ħwejjeġ mistura lill-Ḫidr li ma kienx għarrafhom lil Mosè (s.f.), bħall-ġrajja tal-ġifen, il-qtil tat-tifel, u l-bini tal-ħajt. Din l-istorja ssaħħaħ it-twemmin fl-għerf assolut ta' Alla. Wara dan, Suret l-Għar tgħaddi għat-tielet storja dwar "Dak tal-Qrun", referenza għal sultan ġust li kien jgħin lid-dgħajfin. Alla l-Imbierek kien tah is-setgħa jifrex il-ħakma tieghu f'artijiet imbieghda, sew fil-Lvant kif ukoll fil-Punent. Din l-istorja tgħallem li s-setgħa u l-qawwa għandhom jintużaw għall-ġid u għall-ħaqq. Barra minn hekk, din is-sura tinqeda bi tliet eżempji oħra li

jishqu fuq 1. il-fatt li l-ħaqq u l-verità ma humiex marbuta mal-kobor tal-ġid materjali, iżda huma marbuta mat-twemmin, 2. il-fruġa tad-dinja, u 3. is-suppervja tax-Xitan 'Iblīs li ma riedx jinxteħet quddiem il-bniedem biex isellimlu. Dawn it-tliet eżempji għandhom ikunu twissija għall-Misilmin biex ma jaqgħux fl-istess ħtija.

19. Suret Marija:

Din is-sura niżlet ftit qabel is-sena 615 w.K. meta l-ewwel Misilmin minn Mekka rħewlha lejn l-Etijopja. Huma kienu ħallew art twelidhom minħabba l-persekuzzjoni qalila tal-pagani ta' Mekka kontrihom. Jingħad li meta aktar tard il-Misilmin qraw il-versi li jitkellmu dwar Żakkarija (s.f.) u Marija omm Ġesù (s.f.) lin-Negus, is-sultan Nisrani ta' l-Etijopja, dan tqanqal ħafna u ma riedx jisma' mit-tribù ta' Qurajx li ried li l-Misilmin jintbagħtu lura Mekka. Din is-sura tirrakkonta l-ġrajja tal-Profeta Żakkarija (s.f.) li permezz tiegħu ntweriet il-qawwa ta' Alla. Dan seħħ meta martu Eliżabetta, li ma setax ikollha tfal, welldet li Ġwanni (s.f.). Isem is-sura huwa meħud mir-referenza għall-Verġni Marija, omm Ġesù (s.f.), li tissemma mis-sittax-il vers 'il quddiem. Ġrajjitha hija ħafna aktar ta' l-għaġeb għaliex hija twelled tarbija mingħajr is-sehem ta' raġel. Dan seħħ biex jidhru biċ-ċar quddiem il-bnedmin kollha l-kobor u s-sebħ ta' Alla l-Imbierek. Madwar tliet kwarti tas-sura jitkellmu dwar il-ġrajja ta' Abraham (s.f.) ma' missieru, u titkellem ukoll dwar Mibgħutin oħra bħalma huma Iżakk, Ġakobb, Mosè, Aron, Ismagħel, Idrīs, u Noè (s.f.). Ir-referenza, f'Suret Marjam, għal dawn il-Mibgħutin kollha ssaħħaħ ir-rabta li hemm bejniethom. Huma ġew fost il-bnedmin biex jikkonvinċuhom iħallu l-paganiżmu u jduru lejn Alla Wieħed. Is-sura tisħaq li Alla l-Imbierek huwa Wieħed, u li Huwa jgħaddi mingħajr ma jkollu iben, xrik, jew sieħeb. Is-sura tisħaq ukoll fuq l-umanità u l-missjoni profetika tal-Messija (s.f.), u li l-missjoni tiegħu tagħmel parti mill-bqija tal-missjonijiet Islamiċi.

20. Suret *Ṭā' Hā'*:

Isem din is-sura ġej miż-żewġ ittri li bihom tibda din ir-Rivelazzjoni. Barra minn hekk, *Ṭā' Hā'* huwa wkoll wieħed mit-titli mogħtija lill-Profeta Muhammad (s.f.). Minn dan wieħed malajr jifhem li din is-sura hija marbuta ħafna mal-persuna tal-Profeta (s.f.). Fiha, huwa jidher fl-aqwa tal-qawwa spiritwali tiegħu, imħejji sewwa biex jeħodha bil-qlubija kollha kontra l-għedewwa ta' Alla l-Imbierek, u biex jaqdi dmiru ta' Mibgħut li jħabbar l-Islam u jwissi lil niesu bla ħabi dwar il-kastig li hemm imħejji għal kulmin iwebbes rasu u jibqa' joħdos fl-injuranza. Din is-sura titttratta l-aktar il-ġrajja mqanqla ta' Mosè u ta' ħuh Aron (s.f.) fl-art ta' l-Eġittu, u dak li għaddew minnu wara li telqu minnha. Minbarra t-tagħlim li fiha, din il-ġrajja kellha l-għan li tfarraġ u tqawwi qalb il-Profeta Muhammad (s.f.) biex ma jaqtax qalbu mill-kefrija tal-pagani Mekkin kontra l-ewwel Misilmin. Is-sura titkellem ukoll dwar il-ġrajja ta' Adam (s.f.), kif ukoll dwar il-qawmien mill-imwiet, il-Ġudizzju, il-Ġenna u l-Infern. Is-sura tintemm bis-sejħa li l-Profeta Muhammad (s.f.) jagħmel biex il-Misilmin iżommu b'sabarhom huma u jġorru t-toqol tal-missjoni tagħhom.

21. Suret il-Profeti:

Is-sura tibda billi tistagħġeb bl-aljenazzjoni li jinsabu fiha l-bnedmin li għalihom qisu la hemm Jum il-Qawmien, la premju fil-Ġenna, u lanqas kastig fl-Infern. Imbagħad is-sura ssemmi lil dawk li jgiddbu s-sinjali kbar ta' Alla l-Imbierek, fosthom il-Qoran imqaddes, minkejja li jafu sewwa x'għamla ta' kastigi mill-aqhar għaddew minnhom il-ġnus ta' l-imgħoddi li webbsu rashom bhalhom. Wara li, bhal suriet oħra, terġa' ssemmi whud mill-provi tas-setgha bla tarf tal-Ħallieq, li ma hemmx iehor għajru, Suret il-Profeti tislet fil-qosor il-ġrajjiet ta' whud mill-Mibghutin, fosthom Abraham, Iżakk, Ġakobb, Lot, Noè, David, Salamun, Ġob, Ismaghel, Ġona, Idrīs, Dū l-Kifl, Żakkarija, Ġesù, u Muhammad (s.f.). B'hekk il-qarrej ikun jista' jiftakar f'dak li kellhom jgħaddu minnu dawn in-nies ta' Alla fil-qadi tal-missjoni taghhom fost il-bnedmin. Kien minhabba f'hekk li din is-sura ssemmiet Suret il-Profeti.

22. Suret il-Pellegrinaġġ:

Bhas-suriet l-oħra mniżżla f'Medina, din is-sura tittratta aspetti differenti tal-liġi Misilma, fosthom il-*ħaġġ*, jiġifieri l-pellegrinaġġ, u t-taqbid għall-kawża ta' Alla. Madanakollu, din is-sura ma hijiex nieqsa minn elementi li jikkaratterizzaw is-suriet imniżżla f'Mekka, bhalma huma referenzi għat-twemmin f'Alla Wieħed, il-qawmien mill-imwiet, u l-ħlas misthoqq fil-Ġenna jew fl-Infern. Suret il-Pellegrinaġġ tiftaħ b'dehra tal-biża': theżżiża kbira fl-art li thabbar l-Aħħar Siegha. Is-sura titkellem ukoll dwar id-dritt li l-Misilmin jitqatlu biex jiddefendu lilhom infushom, u ssemmi għadd ta' bliet li fl-imgħoddi nqerdu minhabba l-ħażen kbir li ħakimhom. Dan iqawwi qalb il-Misilmin għaliex b'hekk jafu li xejn ma jista' jaħrab il-ħaqq ta' Alla. Fl-aħħarnett il-qarrej jitfakkar fil-frugha tal-qima lill-idoli, għaliex dawn ma jistgħu jkunu ta' ebda għajnuna għall-bniedem.

23. Suret Dawk li jemmnu:

Din is-sura ssemmiet għall-miljuni ta' nies li emmnu fil-messaġġ ta' Alla l-Imbierek li waslilhom minn żmien għal ieħor permezz tal-Profeti u tal-Mibgħutin (s.f). Huma sthaqqilhom jirtu l-Ġenna għal dejjem talli ħaddnu t-twemmin safi. Bhal suriet oħra, Suret Dawk li jemmnu tfakkar lill-Mislem fl-għadd kbir ta' sinjali fl-univers, fil-bniedem, u fil-ħlejjaq kollha, sinjali li ma jħallu ebda dubju dwar l-eżistenza ta' Alla Wieħed, u s-setgha divina u bla tarf tiegħu. Barra minn hekk, f'din is-sura jissemmew bosta ġrajjiet ta' Mibgħutin oħra li għexu qabel il-Profeta Muhammad (s.f.). Alla l-Imbierek isemmi dawn il-ġrajjiet biex bihom iserraħ ras il-Profeta (s.f.) li, minn żmien għal ieħor, kien qiegħed iħoss it-toqol tal-missjoni iebsa tiegħu fost il-pagani tal-peniżola Għarbija. Huwa għalhekk li jissemmew il-ġrajjiet ta' Noè, Hūd, Mosè, Marija Verġni u binha Ġesù (s.f.). Is-sura tirreferi wkoll għall-biża' li jaħkem lil dawk li ma jemmnux meta jkunu f'xifer il-mewt. Huma jkunu jixtiequ li, kieku jistgħu, imorru lura għall-ħajja fid-dinja biex ipattu tal-ħażen li kienu għamlu. Iżda dakinhar ikun tard wisq! Fl-aħħarnett is-sura titkellem dwar Jum il-Qawmien, meta l-bnedmin jinqasmu f'żewġ ġemgħat kbar: dik tal-ħenjin u dik ta' l-indannati. Dakinhar ħadd ma jkun jista' jaqbeż għal ħaddieħor, jekk mhux bil-premess ta' Alla. Huma biss il-ħniena ta' Alla, it-twemmin u l-għemejjel tajba li jeħilsu lill-bniedem mill-kastig tan-Nar.

Għalhekk wieħed jista' jiġbor f'żewġ kelmiet Suret Dawk li jemmnu: ir-rebħa tat-twemmin. Hija titqies bħala l-aħħar sura li niżlet f'Mekka, ftit qabel it-tluq tal-Profeta Muhammad (s.f.) lejn Medina.

24. Suret id-Dawl:
Din is-sura niżlet bejn il-ħames u s-sitt sena wara l-emigrazzjoni (jew *Hiġra*) tal-Profeta Muhammad (s.f.) u ta' shabu minn Mekka u l-bidu ta' ħajja ġdida f'Medina. Isem din is-sura huwa meħud mill-versi 35-40 li jitkellmu dwar id-Dawl ta' Alla l-Imbierek. Fiha nsibu tagħlim mill-isbaħ dwar il-familja u l-ħajja soċjali. Is-sura titkellem ukoll dwar il-kastigi f'każ ta' żina u malafama, kif ukoll dwar l-imġiba tajba fis-soċjetà. Dan iwassal għall-ħolqien ta' soċjetà li tgħożż il-valuri etiċi u morali. Is-sura ssemmi wkoll l-inċident meta Għajxa (l-għaxqa ta' Alla fuqha), mart il-Profeta Muhammad (s.f.), kienet mixlija inġustament b'żina, u kif Alla l-Imbierek, fil-Qoran, qalagħha minn din l-akkuża serja. Minn dan l-inċident il-Mislem jislet ħafna tagħlimiet ta' siwi għal ħajtu. Suret id-Dawl tagħmilha ċara li l-ħlas tal-ġusti se jkun is-salvazzjoni ta' dejjem, filwaqt li għall-ħżiena hemm jistenniehom kastig mill-aghar. Barra minn hekk, din is-sura ġġib quddiem għajnejn il-qarrej xi dehriet mill-ħolqien li juru l-kobor u s-setgħa tal-Ħallieq.

25. Suret il-Qjies:
Din is-sura niżlet bejn il-ħames u s-sitt sena qabel il-*Hiġra* u ħadet isimha mill-ewwel vers. Il-kelma *'al-furqān*, li tista' titfisser "il-qjies bejn it-tajjeb u l-ħażin", hija isem ieħor għall-*Qoran*. Din is-sura titkellem l-aktar dwar il-fruġha u t-twemmin falz tal-pagani, u kif dawn webbsu rashom u ċaħdu l-Islam. Fil-fatt din is-sura tiħaq l-aktar fuq il-verità tal-Qoran imqaddes. B'hekk Alla l-Imbierek giddeb il-qlajjiet tal-pagani dwar il-Ktieb qaddis tiegħu, meta dawn kienu jgħidu li l-Qoran kien biss stejjer ta' l-imgħoddi, jew xogħol maqlugħ minn żnied il-Profeta Muhammad (s.f.) stess, jew inkella li kien prodott ta' seħer. Is-sura tiħaq ukoll fuq il-verità tal-missjoni profetika ta' Muhammad (s.f.) u wieġbet biċ-ċar għaliex kellu jkun bniedem li jintbagħat bil-messaġġ ta' Alla lill-bnedmin, u mhux xi anġlu, kif ippretendew dawk li m'emmnux. F'din is-sura wkoll jissemmew għadd ta' stejjer b'tagħlim għall-bniedem li jrid jimxi fit-triq ta' Alla, bħalma jerġgħu jissemmew għadd ta' Mibgħutin (s.f.) li xandru l-messaġġ ta' Alla fost nies li ma riedu jisimgħu b'xejn. Is-sura tittratta wkoll xi sinjali li juru biċ-ċar is-setgħa ta' Alla Wieħed. Suret il-Qjies tintemm b'deskrizzjoni tal-kwalitajiet sbieħ li jżejnu lill-qaddejja ta' Alla, u l-ħlas kbir li hemm jistenniehom fil-Ġenna.

26. Suret il-Poeti:
Suret il-Poeti tinsab f'nofs is-suriet li niżlu f'Mekka. Isimiha meħud mill-vers 224 li jagħmel distinzjoni bejn il-poeti u l-profeti. Ġeneralment ta' l-ewwel ma jagħmlux dak li jgħidu, filwaqt li tat-tieni dejjem jagħmlu dak li jgħidu u jxandru. Fiż-żminijiet ta' qabel l-Islam il-pagani Għarab kienu jqisu lill-poeti bħala nies maħkuma mill-*ġinn* u kienu jibżgħu ħafna minnhom u minn dak li jgħidu. Din is-sura niżlet fi żmien meta l-Profeta Muhammad (s.f.) u l-ewwel Misilmin kienu qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' l-

oppożizzjoni qawwija tal-pagani ta' Mekka li kienu jagħmlu minn kollox biex l-Islam ma jqabbadx għeruqu fil-belt tagħhom. Kien għalhekk li Alla l-Imbierek reġa' fakkar lill-Mibgħut tiegħu Muhammad (s.f.) fit-tigrib li kienu diġà għaddew minnu Mibgħutin oħra bħalu fl-imgħoddi, u dan għamlu biex ifarrġu u jagħmillu l-qalb. F'din is-sura jitfakkru l-ġrajjiet tal-Profeti Noè, Abraham, Lot, Mosè, Hūd, Ṣāliħ, u Xugħajb (s.f.) biex permezz tagħhom jintwera lill-Misilmin li l-messaġġ ta' Alla lill-umanità kien u jibqa' dejjem l-istess. Sew il-bidu kif ukoll tmiem is-sura huma dedikati lill-Qoran imqaddes li niżel mis-sema biex ifejjaq il-mard ta' l-umanità. Madanakollu, il-pagani u l-midinbin ma laqgħuhx u talbu li jinghataw xi sinjal iehor minfloku. Suret il-Poeti tintemm bi tweġiba ċara lil dawk il-pagani li kienu jishqu li dan il-Ktieb kien xogħol ix-xjaten, jew xogħol Muhammad (s.f.) stess. Uhud mill-pagani fil-peniżola Għarbija kienu jqisuh bħala poeta, iżda l-versi ta' dan il-Ktieb divin ma jħallu ebda dubju dwar min huwa tassew l-Awtur tiegħu. Bħall-bqija tas-suriet li niżlu f'Mekka, Suret il-Poeti tikkonċentra fuq it-twemmin f'Alla Wieħed, fuq il-missjoni profetika, fuq il-qawmien mill-imwiet u fuq id-destin tat-tajbin u tal-ħżiena f'Jum il-Ġudizzju.

27. Suret in-Nemel:

Isem is-sura ġej mill-vers numru 18. Bħas-sura ta' qabilha, Suret in-Nemel taqa' f'nofs is-suriet li niżlu f'Mekka u hija waħda minn tliet suriet li niżlu wara xulxin, jiġifieri suret il-Poeti, din is-sura, u suret il-Ġrajja. Wieħed jinnota xebh kbir f'dawn it-tliet suriet għaliex jikkonfermaw il-punti ewlenin tat-twemmin Islamiku, bħalma huma t-twemmin f'Alla wieħed, il-missjoni profetika u l-qawmien mill-imwiet. Barra minn hekk, jerġgħu jitfakkru għadd ta' ġrajjiet ta' bosta Mibgħutin ta' Alla, bħalma huma Mosè, Ṣāliħ u Lot (s.f.), u d-destin ta' nieshom li giddbuhom u m'emmnux fihom. Din is-sura titkellem ukoll dwar David u Salamun (s.f.) u dwar dak kollu li Alla l-imbierek żejjinhom bih, bħall-profezija, l-għerf u s-saltna. Suret in-Nemel tagħti wkoll ħarsa mill-qrib lejn il-ġrajja ta' Salamun u s-sultana Bilqīs ta' Saba, art fin-nofsinhar tal-peniżola Għarbija fejn illum jinsab il-Jemen. Is-sultan Salamun kien għaraf jinqeda bl-għana kbir tiegħu biex isejjaħ lil slaten oħra u lill-bqija tal-bnedmin biex jitilqu l-idoli tagħhom u jduru b'qalbhom kollha lejn Alla l-Imbierek. Hekk kienet għamlet Bilqīs, is-sultana ta' Saba. Suret in-Nemel tittratta l-provi dwar l-eżistenza ta' Alla Wieħed, u titkellem dwar il-mument tremend tal-qawmien mill-imwiet u dwar id-destin tal-ħżiena li ħaduha kontra Alla. Din is-sura tikkonferma li l-Qoran imqaddes huwa l-miraklu ta' Muhammad (s.f.), imniżżel lilu minn Sid il-ħolqien.

28. Suret l-Istorja:

Din is-sura għandha ħafna minn Suret in-Nemel u Suret il-Poeti u tista' titqies bħala waħda li żżid fuqhom. Il-punt ewlieni ta' din is-sura jittratta l-imġiba ħażina tal-bniedem li tkun ġejja mill-ġid materjali kbir tiegħu u mis-setgħa tiegħu fuq bnedmin oħra. Huwa jsir daqshekk arroganti u mkabbar li saħansitra jagħmel lilu nnifsu alla. Kien għalhekk li din is-sura tfakkar lill-qarrej f'żewġ ġrajjiet ta' arroganza kbira: dik tal-Fargħun u ta' l-għani Qārūn. Suret l-Istorja hija waħda mill-aħħar suriet li niżlu f'Mekka u xi għorrief tal-Qoran jaħsbu li niżlet waqt il-*Hiġra*, jew l-emigrazzjoni tal-

Profeta Muhammad (s.f.) lejn il-belt ta' Medina. Madanakollu, hemm min jgħid li kien biss il-vers 85 li niżel waqt il-*Hiġra*. Suret l-Istorja ħadet isimha mill-vers 25 li tibda titkellem dwar il-ġrajja ta' Mosè (s.f.), minn twelidu sa ma nghata d-don tal-profezija.

29. Suret il-Brimba:
It-tema ewlenija ta' din is-sura hija t-twemmin fil-waqtiet ibsin tat-tiġrib. Dan minħabba li meta niżlet din is-sura, il-Misilmin kienu jinsabu mġarrbin ħafna mill-pagani f'Mekka. Tiġrib bħal dan kienu diġà għaddew minnu bosta Mibgħutin ta' Alla l-Imbierek, u s-sura tagħmel ħafna referenzi għall-ġrajjiet tagħhom. Fosthom insibu l-ġrajja ta' Noè (s.f.) li dam disa' mija u ħamsin sena jsejjaħ lil niesu biex jindmu u jduru lejn Alla. Madanakollu, kienu tassew ftit dawk li emmnuh. Is-sura tfakkar kif Alla qered il-ġnus, fosthom dak tal-Farghun, ta' Għād u ta' Ṯamūd li giddbu u ċaħdu l-Profeti ta' Alla. L-istess triq iebsa kellu jgħaddi minnha Abraham (s.f.), missier il-Profeti, kif ukoll Lot u Xugħajb (s.f.). Dawn il-ġrajjiet kellhom l-għan li jfarrġu lil Muhammad (s.f.) fit-tiġrib tiegħu, u jagħmlulu l-qalb biex ikun jista' jkompli bil-missjoni tiegħu. Suret il-Brimba tmur lura għaż-żmien nofsani jew imwaħħar tas-suriet li niżlu f'Mekka. Isimha ttieħed mill-vers 41 fejn it-twemmin fieragħ jitqabbel ma' l-għanqbuta għaliex din hija binja tassew dgħajfa. Ħafna mill-versi ta' din is-sura kienu ta' faraġ kbir għall-Misilmin fiż-żminijiet iebsa tal-persekuzzjoni mill-pagani Mekkin.

30. Suret il-Biżantini:
Isem din is-sura huwa meħud mit-tieni vers. Ir-reġjun tal-Lvant Nofsani fis-seba' seklu w.K. kien jaqa' taħt l-influwenza ta' l-imperi ta' Biżanzju u tal-Persja. Fis-sena 613 w.K. il-Persjani kienu għelbu lill-Biżantini f'Ġerusalemm u f'Damasku, u sena wara daħlu fl-Eġittu. Kien imiss imbagħad li l-Persjani jdawru ħarsithom lejn l-Asja Minuri, il-qalba ta' l-Imperu Biżantin, u bejn is-snin 615 u 616 bdew jheddu lill-belt kapitali tal-Biżantini, Kostantinopli. Aktarx li kien f'dan iż-żmien li tniżżlet *Sūrat ar-Rūm*. Is-sura tiftaħ billi tbassar li l-Persjani kellhom joħorġu rebbieħin fuq il-Biżantini, iżda mbagħad dawn ta' l-aħħar kellhom jegħlbu lill-Persjani. Din it-tbassira sseħħ, u dan jikkonferma li l-Qoran tassew ġej minn Alla. Dawk li emmnu ferħu b'din il-profezija għaliex il-Biżantini huma minn fost Nies il-Ktieb, filwaqt li l-Persjani jqimu n-nar. Imbagħad is-sura tgħaddi biex tittratta gwerra wisq eqdem minn dik ta' bejn il-Biżantini u l-Persjani: il-gwerra bejn in-nies ta' Alla l-Imbierek li jagħmlu t-tajjeb u nies ix-Xitan li huma moghtija għall-ħażen. Is-sura titkellem ukoll dwar uħud mis-sinjali ta' Alla li jidhru fil-ħolqien, sinjali li juru s-setgħa ta' Alla u li jwettqu t-twemmin li ma hemmx alla ieħor għajru. Is-sura tfakkar fil-ħlas li hemm imħejji fil-Ħajja l-Oħra għall-ġusti u għall-ħżiena. Suret il-Biżantini tintemm b'referenza għall-pagani ta' Mekka li, minkejja s-sinjali kollha li ġewhom, xorta waħda baqgħu jiċħdu lil Alla l-Imbierek.

31. Suret Luqmān:
Din is-sura tieħu isimha mit-tnax-il vers. Luqmān kien bniedem għaref ħafna li baqa' mfakkar fit-tradizzjoni orali Għarbija, għalkemm ma nsibu ebda referenza għalih fit-

tradizzjonijiet Lhud jew Insara. Ftit li xejn nafu dwar dan Luqmān. Hemm min jghid li kien ilsir iswed, u ohrajn jahsbu li kien mastrudaxxa. Skond it-tradizzjoni huwa għex ħajja twila u baqa' magħruf għall-parabboli tiegħu li xi drabi jitqabblu ma' dawk tal-Grieg Esopu. Din is-sura sserrah ras il-Misilmin li, minkejja l-persekuzzjoni kontrihom, fl-aħħarnett huma joħorġu rebbihin. Is-sura tintemm bi twissija dwar Jum il-Qawmien, u tfakkar li Alla biss jaf meta se tasal dik is-Siegħa. Tiegħu biss huwa l-għarfien tal-ħwejjeġ sopranaturali.

32. Suret l-Att ta' Qima:

Din is-sura niżlet ħames snin qabel il-*Hiġra*, jew l-emigrazzjoni tal-Misilmin minn Mekka lejn il-belt ta' Medina fis-sena 622 w.K. Isimha huwa meħud mill-vers numru ħmistax: "Jemmnu biss fis-sinjali tagħna dawk li, meta jitfakkru fihom, jinxteħtu fl-art iqimu *(lil Alla)*, li jfaħħru s-sebħ ta' Sidhom, u ma jitkabbrux." Il-messaġġ ewlieni tagħha huwa li Alla l-Imbierek huwa ta' qawwa bla tarf u għalhekk jistħoqq kull qima. Is-sura tfakkar lill-bniedem fil-ħlas mill-isbaħ li tħejja għat-tajbin, u fil-kastig mill-agħar imħejji għall-ħżiena. Barra minn hekk, din is-sura tfakkar lill-Profeta Muhammad (s.f.) li, bħalma fl-imgħoddi l-ġens Lhudi ħabbat bil-bosta lill-Profeti u lill-Mibgħutin ta' Alla, huwa wkoll kellu jiġġarrab bl-istess mod minn niesu stess. Is-sura tgiddeb ukoll lil dawk li ma jemmnux u li jiċħdu l-Qoran imqaddes u Jum il-Qawmien.

33. Suret il-Partiti Magħquda:

Din is-sura tittratta l-battalja tal-Foss, imsejjaħ *'al-ḫandaq* bl-Għarbi, li seħħet fil-ħames sena tal-*Hiġra*. Il-kawża ta' din il-battalja kienet li t-tribù Lhudi ta' Banū n-Naḍīr, li l-Profeta Muħammad (s.f.) kien keċċa minn Medina wara li xi whud minn dan it-tribù kienu ppruvaw joqtluh, kien xewwex lill-pagani ta' Qurajx u Għaṭafān biex jattakkaw Medina u jeqirdu lill-Misilmin. Huma kesksu wkoll lil-Lhud tat-tribù Banū Qurajẓa, li kienu jgħixu f'Medina, biex jiksru l-patt li kellhom mal-Profeta (s.f.) u jingħaqdu fl-alleanza tal-pagani u tal-Lhud kontra Muħammad (s.f.) u sħabu. Meta l-Misilmin saru jafu b'dan, ħaffru foss madwar il-belt biex iwaqqfu d-dħul ta' l-għedewwa fiha. Fil-fatt meta l-pagani qorbu lejn Medina, il-foss żammhom milli jkomplu jersqu lejn il-belt. Wara assedju ta' madwar xahar Alla għeleb lill-pagani billi bagħat fuqhom riefnu li ġegħelhom jabbandunaw il-ħbit li kienu ħejjew kontra Medina. L-għadd tal-pagani kien għaxart elef ruħ, filwaqt li l-għadd tal-Misilmin kien tlett elef. Is-sura titkellem ukoll dwar il-battalja ta' Banū Qurajẓa. Il-Profeta Muhammad (s.f.) ħabat għalihom għal ħamsa u għoxrin jum, għaliex kienu kisru l-patt tagħhom miegħu, u dahlu f'alleanza mal-pagani kontrih. Fl-assedju tal-Misilmin inqatlu l-ġellieda rġiel ta' Banū Qurajẓa. Suret il-Partiti Magħquda twissi kontra l-periklu mill-ipokriti tradituri li kienu ndiehsu mal-Misilmin. Is-sura tittratta wkoll leġiżlazzjonijiet li jolqtu lill-familja, bħall-addozzjoni, id-divorzju, u l-velu milbus min-nisa, kif ukoll issemmi t-trattament li jixraq lill-Mibgħut ta' Alla (s.f.).

34. Suret Saba:
Din is-sura tittratta kunċetti tal-fidi Misilma bhalma huma t-twemmin f'Alla Wieħed, il-profezija ta' Muħammad (s.f.), il-qawmien mill-imwiet, il-ħlas tal-ġusti fil-Ġenna u tal-ħżiena fl-Infern. Suret Saba ssemmi wkoll lil David u lil Salamun (s.f.). Isem is-sura meħud mill-vers ħmistax li jfakkar il-ġrajja tat-tribù ta' Saba, fil-Jemen, u kif Alla kkastiga l-ħażen ta' dawn in-nies billi ġarrfilhom djarhom u għerrqilhom ir-raba' tagħhom f'għargħar tal-biża'.

35. Suret il-Ħallieq:
Din is-sura niżlet qabel l-emigrazzjoni tal-Profeta Muħammad (s.f.) lejn Medina. Bħal suriet Mekkin oħra, Suret il-Ħallieq tiħaq fuq il-prinċipji ewlenin tad-domma Misilma. Hija titkellem fuq Alla l-Ħallieq ta' kollox u ta' kulħadd, li għandu s-setgħa joħloq mix-xejn u jqajjem il-ħolqien tiegħu wara mewtu. Is-sura tislet id-differenza kbira li hemm bejn bniedem li jemmen u ieħor li jiċad it-twemmin u xxebbaħhom ma' bniedem li jara u ma' ieħor aġħma; mad-dawl u mad-dlam. Suret il-Ħallieq titkellem ukoll dwar id-diversità fin-natura u dwar il-fatt li l-ħlejjaq kollha jirriflettu l-kobor ta' Alla Wieħed. Fi tmiemha s-sura ma tonqosx li ċċanfar lill-pagani u lil dawk li jxierku allat oħra ma' Alla talli jagħtu qima lil idoli u lil xbiħat fil-ġebel.

36. Suret l-Ittri *Jā' Sīn*:
Din is-sura tittratta tliet suġġetti ewlenin, jiġifieri t-twemmin fil-qawmien mill-imwiet, l-istorja ta' "nies il-belt", u l-provi li jinsabu fil-ħolqien dwar is-setgħa bla tarf ta' Alla Wieħed. Is-sura tibda b'ħalfa bil-Qoran imqaddes biex b'ħekk tiħaq dwar il-verità tal-missjoni profetika ta' Muħammad (s.f.). Is-sura titkellem ukoll dwar nies Qurajx li giddbu lil Muħammad (s.f.) u ċaħdu t-twemmin. Bħall-Qurajxin kienu għamlu "nies il-belt" li, skond uħud mill-istudjużi tal-Qoran, kienet il-belt ta' Antijokja. Dawn in-nies ma laqgħux lill-Profeti u giddbuhom, u għalhekk ġibdu fuqhom l-għadab ta' Alla li qeridhom. Jissemma wkoll xandar ieħor tal-verità, Ħabīb an-Naġġār. Bħal xandara oħra qablu, dan wissa lil ġensu biex joqogħdu għal Alla u l-Profeti tiegħu, iżda niesu ma tawħx widen u qatluh. Imbagħad is-sura ddawwar ħarsitha lejn il-ħolqien u fih issib l-għemejjel kbar tal-Ħallieq: l-art għammiela, il-lejl u n-nhar li jidħlu wara xulxin, ix-xemx, il-qamar u l-kwiekeb. F'dan kollu wieħed isib prova ċara tal-qawwa bla qjies ta' Alla Wieħed, l-Imbierek. Fl-aħħar is-sura tfakkar lill-bnedmin dwar il-qawmien mill-imwiet, il-Ġudizzju tal-biża' quddiem Alla, u l-premju tat-tajbin fil-Ġenna u l-kastig tal-ħżiena fl-Infern. Is-sura ssemmiet *Jā' Sīn* għaliex tibda b'dawn iż-żewġ ittri ta' l-alfabett Għarbi.

37. Suret Dawk Miġburin f'Saffi:
Isem din is-sura huwa meħud mill-ewwel vers. Bħas-suriet Mekkin kollha, din ukoll għandha l-għan li twaqqaf fuq sisien sodi t-twemmin bażiku ta' l-Islam, jiġifieri: li ma hemmx alla ieħor ħlief Alla Wieħed, it-tinżil tal-Qoran, il-qawmien mill-imwiet, Jum il-Ġudizzju, u l-ħlas xieraq fil-Ġenna għat-tajbin, jew fl-Infern għall-ħżiena. F'din is-sura jissemmew ukoll il-ġrajjiet ta' uħud mill-Profeti ta' Alla l-Imbierek, bħal Noè, Abraham u ibnu Ismaghel, Mosè u ħuh Aron, Elija, u Lot (s.f.). Is-sura tintemm billi

tfakkar li Alla l-Imbierek johroġ lill-Profeti u lill-ġusti rebbiħin kemm f'din id-dinja kif ukoll fl-oħra. Isem is-sura, *'aṣ-ṣāffāt*, jiġifieri "dawk miġburin f'saffi", bħallikieku kienu suldati, jirreferi għall-anġli safjin li jqimu lil Alla bla waqfien.

38. Suret l-Ittra *Ṣād*:

Il-kelma *Ṣād* hija l-isem ta' waħda mill-ittri ta' l-alfabett Għarbi u nsibuha fl-ewwel vers ta' din is-sura. Suret *Ṣād* taghmel parti mis-suriet li niżlu f'nofs il-perjodu ta' Mekka. Għal bosta għorrief tal-Qoran din is-sura niżlet fiż-żmien meta l-mexxejja tat-tribù ta' Qurajx kienu qegħdin jippruvaw jikkonvinċu lil 'Abū Ṭālib, iz-ziju tal-Profeta Muhammad (s.f.), u l-bniedem li rabbieh b'għożża kbira, biex ma jibqax jagħtih l-appoġġ tiegħu. Bħall-bqija tas-suriet li niżlu f'Mekka, Suret *Ṣād* tittratta aspetti ewlenin tat-twemmin Mislem: il-verità tal-Qoran, il-missjoni profetika ta' Muhammad (s.f.), it-twemmin f'Alla Wieħed, l-għeġubijiet fil-ħolqien li jikkonfermaw li l-Ħallieq huwa wieħed, il-kastig ta' dawk li jiċħdu t-twemmin, il-ġrajjiet ta' xi Profeti u Mibghutin ta' Alla bħal David, ibnu Salamun, Ġob, Iżakk, Ġakobb, Ismaghel (s.f.), u l-Ħajja l-Oħra fil-Ġenna jew fl-Infern. Is-sura tintemm bil-ġrajja ta' Adam (s.f.) u tax-Xitan.

39. Suret il-Ġemgħat:

Din is-sura tisħaq fuq il-fatt li ma hemmx alla ieħor ħlief Alla l-Imbierek. Bħall-bqija tas-suriet li niżlu f'Mekka, il-versi ta' din is-sura jittrattaw temi bħall-miraklu tal-Qoran, il-fenomeni fil-ħolqien kollu li jikkonfermaw li Alla l-Imbierek huwa Wieħed, il-kastig tal-ħżiena fl-Infern, il-ħtieġa ta' l-indiema, u temi oħrajn. Is-sura tagħlaq b'versi li jitkellmu dwar il-qawmien mill-imwiet, meta l-bnedmin jinġabru għall-Ġudizzju divin. Dakinhar il-"ġemgħat" tat-tajbin jidħlu fil-Ġenna, u fl-Infern isibu ruħhom il-"ġemgħat" tal-ħżiena. Kien għalhekk li din is-sura ssemmiet "Suret il-Ġemgħat" (versi 71 u 73).

40. Suret Dak li jaħfer (Dak li emmen):

Isem din is-sura meħud mit-tielet vers li jirreferi għal wieħed mill-ismijiet sbieħ ta' Alla l-imbierek, jiġifieri *Dak li jaħfer*. Bħal suriet oħra li niżlu f'Mekka, din ukoll tittratta punti ewlenin tat-twemmin Mislem. Madanakollu, l-aktar nota qawwija li toħroġ minn Suret Dak li jaħfer hija t-taqbida bejn is-sewwa u l-qerq, bejn it-triq tas-salvazzjoni u dik tat-telfien. Huma bosta r-referenzi għad-dehriet tal-biża' li jseħħu f'Jum il-Qawmien mill-imwiet, " ... meta l-qlub *(imwerwra jitilgħu)* sal-griežem fil-hemm kbir tagħhom. " (vers 18). Dakinhar kulħadd jieħu li ħaqqu, xejn anqas u xejn aktar! Is-sura ssemmi, fost l-oħrajn, il-ġrajja ta' Mosè (s.f.) u tal-Farghun: Mosè (s.f.) ġie bil-profezija u bis-sewwa, u l-Farghun biċ-ċaħda tat-twemmin u bl-arroganza. Din it-taqbida ma setgħetx ma tintemmx bil-ħelsien ta' Wlied Israel mill-kefrija tal-Farghun u ta' niesu, u bl-għarqa u t-telfien tagħhom. F'din is-sura wkoll, fil-versi 28-45, u għall-ewwel darba fil-Qoran, tinsab l-istorja ta' wieħed minn nies il-Farghun li emmen f'Mosè (s.f.) u li heġġeġ lil niesu biex jimxu warajh. Minħabba f'hekk, din is-sura tissejjaħ ukoll Suret Dak li Emmen. It-taqbida bejn it-twemmin u ċ-ċaħda tiegħu toħroġ biċ-ċar ukoll fil-versi li jitkellmu dwar il-bniedem mogħni bid-dawl f'ghajnejh

u l-bniedem aghma. F'din is-sura ma jonqsux id-dehriet sbieh mill-holqien li jixhdu ghall-kobor bla tarf ta' Alla l-Imbierek. Din hija l-ewwel sura f'sensiela ta' seba' suriet wara xulxin li jibdew bl-ittri *Hā' Mīm*, u ghalhekk jissejhu *l-hawāmīm*.

41. Suret il-Versi Mfasslin:

Din is-sura hadet isimha mit-tielet vers li jghid hekk: "Ktieb li l-versi tieghu tfasslu (*u tfissru bir-reqqa*); Qoran Gharbi ghal nies li jafu (*u jifhmu*)." Hekk wiehed jara li l-bidu tas-sura huwa dedikat lill-Qoran imqaddes, il-Ktieb li fih il-prova ċara li Muhammad (s.f.) huwa tassew il-Mibghut ta' Alla ghall-umanità. Is-sura taghmilha ċara li Muhammad (s.f.) kien il-bniedem tad-demm u l-laham li Alla l-Imbierek ghażel biex ikun l-ahhar Profeta ghall-bnedmin kollha. Suret il-Versi Mfasslin taghmel referenza ghall-holqien tas-smewwiet u ta' l-art li jixhed biċ-ċar il-kobor ta' Alla l-Wahdieni. Minkejja l-kobor u l-ġmiel ta' dan il-holqien, mhux il-bnedmin kollha jemmnu f'Alla. Fl-imghoddi, kif ukoll fil-preżent, xi ġnus hasbu li huma aqwa minn haddiehor u, fl-arroganza taghhom, haduha kontra l-Mibghutin u l-Profeti, u ma ridux jafu b'Alla. Żewġ popli msemmijin f'din is-sura kienu dawk ta' Għād u Ṯamūd. It-tmiem ta' dawn il-ġnus imkabbrin u arroganti, u ta' hafna ohrajn bhalhom, kien wiehed mill-aghar. Barra minn hekk, is-sura ma tonqosx li tfakkar fil-hlas misthoqq li se jieħu l-bniedem ġust li jimxi fi triq Sidu. Huwa se jgawdi s-sebh tas-sema flimkien mal-Profeti, mal-martri u mal-ġusti bhalu.

42. Suret il-Konsultazzjoni:

Suret il-Konsultazzjoni tieħu isimha mill-vers 38. L-Islam jagħti importanza kbira lill-kunċett tal-konsultazzjoni u jħeġġeġ lill-Misilmin biex dejjem iħaddmuh f'kull qasam ta' ħajjithom. Din is-sura tishaq li r-Rivelazzjoni hija minn Alla, u minghand hadd ħliefu. Huwa jwassal din ir-Rivelazzjoni lill-bnedmin kollha permezz tal-Profeti u tal-Mibghutin tiegħu li huwa jagħżel biex, bil-messaġġ divin li jxerrdu, l-umanità tohroġ mid-dlam taċ-ċahda tat-twemmin ghad-dawl tas-sewwa. Is-sura tishaq ukoll li r-reliġjon ta' Alla hija wahda, imwassla matul is-sekli minn Profeti differenti, fosthom Abraham, Noè, Mosè, David, Ġesù u Muhammad (s.f.). Suret il-Konsultazzjoni tħeġġeġ ukoll lill-bnedmin biex iwieġbu s-sejħa ta' Alla u jaqbdu t-triq it-tajba, qabel ikun tard wisq. Hija terġa' tfakkar lil dawk li ċahdu l-Qoran f'Jum il-Qawmien, fil-Ġudizzju, u fil-kastig li hemm jistenniehom. Iżda din it-tifkira taqa' fuq il-widnejn torox ta' hafna minnhom ghaliex jibqghu jedhew bil-frughat ta' din id-dinja u sa l-ahhar jibqghu ma jibdlux ħajjithom.

43. Suret it-Tiżjin tad-Deheb:

Isem din is-sura meħud mill-kelma *żuħruf* fil-vers 35 u li tfisser "it-tiżjin tad-deheb" u tlellix iehor li jirrappreżenta l-frugħa materjali ta' din il-ħajja li ma ddumx ma tiġi fix-xejn. Alla jagħti l-ġid materjali sew lit-tajbin kif ukoll lill-ħżiena, iżda l-premju tal-ħajja ta' dejjem jagħtih biss lill-bnedmin li jghixu ħajja tajba. Din is-sura tishaq fuq in-nisel divin tal-Qoran, u li dan il-Ktieb qaddis tniżżel bl-isbaħ ilsien fuq Profeta Gharbi illitterat. Dan huwa l-miraklu tal-Qoran! Is-sura mbaghad issemmi bosta sinjali tal-qawwa ta' Alla fis-sema, fl-art, u fil-holqien kollu, fosthom l-iġbla u l-widien, l-ibhra

u l-iġfna li jbahhru fuqhom, ix-xmajjar, ix-xita, u l-bhejjem li fihom il-bniedem isib ikel u mezz ta' trasport. Suret it-Tiżjin tad-Deheb tirreferi wkoll għall-ħrejjef ta' l-imgħoddi, qabel id-dehra ta' l-Islam, meta l-Għarab li kienu jgħixu fil-peniżola Għarbija kienu jahsbu li l-anġli kienu l-ulied bniet ta' Alla. Barra minn hekk, is-sura tfakkar fil-qlubija ta' Abraham (s.f.) li kien l-ewwel bniedem li ħalla l-paganiżmu, mexa fuq is-sejha ta' Alla, u għallem ir-reliġjon vera. Naqraw ukoll li l-Mekkin ma setgħux jaċċettaw il-fatt li l-Qoran tniżżel lil bniedem fqir u ltim. Huma kienu jistennew li Ktieb divin kellu jinżel lil xi persuna għanja u ta' ġieh. Iżda Alla l-Imbierek jgħallem li l-ġid materjali ma huwiex kriterju li jagħmel lill-bniedem ġust. Is-sura ġġib quddiem għajnejn il-qarrej il-ġrajja ta' Mosè (s.f.) u l-Farghun. Dan ta' l-aħħar għamel bħall-Mekkin u l-pagani l-oħra li sabu l-għaxqa tagħhom fil-ġid materjali, u mhux fil-ġid spiritwali. Il-konsegwenzi ta' żball bħal dan kienu koroh għall-aħħar. Din is-sura ssemmi wkoll lill-Messija (s.f.) u n-natura tal-missjoni tiegħu, u kif niesu ma qablux dwaru. Bħal suriet oħra li niżlu f'Mekka, din is-sura tfakkar fil-kruha tal-kastig li hemm jistenna lill-ħżiena.

44. Suret id-Duħħan:

Isem is-sura meħud mill-għaxar vers, fejn il-qarrej isib dehra ta' duħħan li bih Alla l-Imbierek ibeżża' u jaqta' nifs il-ħżiena. Dan id-duħħan kien kastig għal nies Qurajx talli giddbu lill-Mibgħut ta' Alla (s.f.). Is-sura tibda billi tfakkar lill-Misilmin li l-Qoran niżel għall-umanità kollha fl-egħżeż lejl mill-iljieli kollha fl-istorja tal-bniedem (*lajlat al-qadr*). Dan għaliex il-Qoran huwa l-aħħar Ktieb imqaddes li twassal lill-bnedmin permezz ta' l-aħħar mill-Mibgħutin ta' Alla. Minkejja dan, il-pagani baqgħu jiddubitaw fil-Qoran u m'emmnux it-twissijiet tiegħu. Suret id-Duħħan terġa' tfakkar fil-ġrajja ta' Mosè (s.f.) mal-Farghun u ma' niesu li kienu ċaħdu t-twemmin u ntilfu għal dejjem. Din il-ġrajja ma swiet xejn lill-Mekkin għaliex ġabu rwieħhom bħall-Farghun u bħal niesu qabilhom. Bħal suriet oħra li niżlu f'Mekka, Suret id-Duħħan tfakkar x'se jiġri mit-tajbin u mill-ħżiena f'Jum il-Qawmien, u fil-ħlas xieraq li hemm jistenniehom.

45. Suret Dak Għarkubbtejh:

Isem din is-sura meħud mill-vers 28: "U se tara kull nazzjon għarkubbtejh. Kull nazzjon isejjaħ lejn il-ktieb tiegħu (*u jingħad lilu:*) Illum tithallsu ta' dak li kontu tagħmlu!" Is-sura tisħaq li Alla huwa Wieħed u ma għandux ixirka, jiġifieri sħab miegħu. Fil-ħniena bla tarf tiegħu Alla l-Imbierek bagħat il-Qoran lill-umanità kollha biex issewwi l-imġiba ħażina tagħha, u terġa' lura lejn it-triq it-tajba. Is-sura terġa' tfakkar fis-sinjali kbar fil-ħolqien li jixhdu għall-kobor tal-Ħallieq. Madanakollu, dawn ma humiex biżżejjed għall-pagani u għal dawk li ma jemmnux, għaliex xorta waħda jibqgħu jiċħdu lil Alla u jgiddbu l-Qoran u lill-Mibgħut Muhammad (s.f.). Suret Dak Għarkubbtejh tfakkar ukoll lill-bniedem ġust fil-ġenerożità bla qjies ta' Alla l-Imbierek, u li kull ġid u barka ġejjin minnu, u minnu biss. Alla l-Waħdieni kien wera l-istess ġenerożità ma' Wlied Israel, iżda dawn ħallsuh bir-ras iebsa tagħhom u waslu biex ċaħdu u qatlu lil xi Mibgħutin tiegħu. Bħall-pagani, Ulied Israel għamlu mix-xewqat tagħhom alla ieħor. Iżda Alla jħalli lill-bniedem ħieles biex jagħmel l-

għażliet tiegħu, u s-sura tfakkar lit-tajbin kif ukoll lill-ħżiena fil-ħlas imħejji għalihom fil-ħajja ta' dejjem.

46. Suret l-Għoljiet tar-Ramel:
Isem din is-sura meħud mill-vers 21 li jittratta l-ġrajja ta' nies Għād, ġens mill-Jemen li, bħal ġnus ħżiena oħra qabilhom u warajhom, ċaħdu lil Hūd (s.f.), il-Mibgħut ta' Alla fosthom. Alla l-Imbierek ikkastigahom b'riħ qawwi li qeridhom. Dan il-kastig kellu jservi ta' tagħlima għal ġnus oħra li jiġu warajhom. Barra minn hekk, il-qalba ta' din is-sura tittratta l-missjoni profetika ta' Muhammad (s.f.) u dwar il-verità tal-Ktieb ta' Alla, il-Qoran. Din is-sura tfakkar lill-bniedem li ġemgħa ta' erwieħ imsejħa *ġinn* kienu semgħu l-Qoran, emmnu fih, u xandruh fost *ġinn* bħalhom. F'dan huma kienu ta' eżempju għall-bniedem. Is-sura tfaħħar l-ulied it-tajbin u tfakkarhom fil-premju l-kbir li hemm jistenniehom, filwaqt li tikkundanna l-ulied il-ħżiena u turi t-tmiem miżerabbli tagħhom.

47. Suret Muħammad:
Din is-sura ħadet isimha mit-tieni vers li fih jissemma l-Profeta Muhammad (s.f.). Bħal suriet oħra li niżlu f'Medina, Suret Muhammad tittratta bosta aspetti tax-*Xarīgħa*, jiġifieri tal-liġi Misilma, il-kunċett tal-gwerra u tas-sliem, u t-trattament tal-priġunieri tal-gwerra. Iżda t-tema ewlenija li tinħass ħafna f'din is-sura hija l-ħtieġa li l-Misilmin jitqabdu għall-kawża ta' Alla, u li jiddefendu lilhom infushom. Fil-fatt is-sura tiftaħ u tagħlaq b'dan l-appell. Dan għaliex l-għedewwa ta' l-Islam ma kinux biss qegħdin ifixklu l-ewwel komunità Misilma, iżda saħansitra kienu qegħdin iżommu nies oħrajn milli jidħlu fir-reliġjon il-ġdida. Din is-sura tfakkar li l-istess ġara fl-imgħoddi, u l-istorja ta' l-umanità hija mimlija b'nies aggressivi u arroganti li żammu lil nies oħra mit-triq ta' Alla. Minkejja l-qawwa li ħasbu li kellhom, dawn il-ġnus tiranni nqerdu għal kollox bl-għadab u bil-kastig ta' Alla. Is-sura tiddeskrivi l-ħena tal-Ġenna mħejji għat-tajbin, u l-kastig qalil ta' l-Infern mħejji għall-ħżiena. Barra minn hekk, Suret Muhammad twissi lill-Misilmin biex joqogħdu b'seba' għajnejn mill-ipokriti li kienu ndiehsu magħhom, kienu juru wiċċ mal-Misilmin u wiċċ ieħor mal-pagani, u ħafna drabi kienu jiftiehmu kontra l-Misilmin ma' l-għedewwa tagħhom. Is-sura tiħaq fuq l-idea li Alla l-Imbierek irebbaħ lil dawk li jimxu fuq it-tagħlim tiegħu, u tenfasizza li t-tiġrib huwa l-mezz li bih jintgħaraf is-sinċier mill-qarrieq.

48. Suret ir-Rebħa:
Wara l-emigrazzjoni (il-*Hiġra*) tal-Misilmin minn Mekka lejn Medina fis-sena 622 w.K., għal sitt snin shah il-pagani ma ħallewx lill-Misilmin imorru lura Mekka. Fis-sitt sena tal-*Hiġra* l-Profeta ta' Alla (s.f.) ra f'ħolma lilu nnifsu dieħel Mekka mal-Misilmin. Kien għalhekk li huwa ddeċieda li jżur Mekka biex jagħmel l-*għumra*, il-pellegrinaġġ iż-żgħir. Mieghu telqu minn Medina elf u erba' mija minn sħabu, u rħewlha lejn Mekka. Wara jiem ta' safar huma waqfu fil-wied ta' Ħudajbija li jinsab qrib Mekka. Il-Mekkin ma ħallewx lil Muhammad (s.f.) u lill-Misilmin jidħlu f'Mekka. Il-Profeta (s.f.) baghat lil Għuṯmān ibn Għaffān, wieħed mill-eqreb dixxipli

tieghu, ghand il-Mekkin biex jiddiskuti maghhom, iżda l-Mekkin qabduh priġunier. Ġriet ukoll ix-xniegha li Ghuṭmān kien inqatel. Kien ghalhekk li Muhammad (s.f.) talab lil shabu l-Misilmin iweghduh li jitqabdu kontra l-pagani Mekkin. Dawn ma żammux lura milli jagħmlu ftehim mieghu, u dan il-ftehim baqa' msejjah "il-ftehim tal-kunsens" (*bajghatu r-riḍwān*). Sadanittant kien sar magħruf li Ghuṭmān ma nqatilx, u l-Profeta (s.f.) u shabu qablu li jagħmlu ftehim ta' paċi mal-pagani. Dawn kienu l-punti ewlenin ta' dan il-ftehim:

1. li l-Profeta (s.f.) u shabu jidhlu Mekka s-sena ta' wara, u jibqghu fiha tlett ijiem biss;

2. li l-gwerra bejn il-pagani u l-Misilmin tieqaf ghal ghaxar snin;

3. li Muhammad (s.f.) jibghat lura Mekka lill-Misilmin li jmorru ghandu f'Medina, filwaqt li t-tribù pagan ta' Qurajx ma jibghatx lura ghand Muhammad (s.f.) il-Misilmin li jitilqu l-Islam;

4. li min ried isir alleat ta' Muhammad (s.f.), jew inkella ta' Qurajx, seta' jagħmel dan bla tfixkil.

Minkejja l-ftehim ta' Ħudajbija, il-Qurajxin habtu ghal xi alleati tal-Profeta (s.f.) u qatluhom. Meta ra dan Muhammad (s.f.) u shabu telqu ghal Mekka u dahlu fiha rebbiħin mingħajr ġlied. Dan sehh sentejn wara l-ftehim ta' paċi ta' Ħudajbija, fit-tmien sena tal-*Hiġra*. Suret ir-Rebħa niżlet fis-sitt sena tal-*Hiġra*, wara l-ftehim ta' Ħudajbija, u fiha hemm il-profezija dwar ir-rebħa tal-Misilmin fuq il-pagani. Minn din is-sura l-Mibghut ta' Alla (s.f.) u shabu jsiru jafu bir-rebħa li kellu jkollhom f'Mekka. Suret ir-Rebħa tagħmel referenza ghall-"ftehim tal-kunsens" li ssemma qabel, u tfaħħar lil min kellu sehem fih. Jissemma wkoll il-ftehim ta' Ħudajbija li kellu jwassal għar-rebħa aħħarija tal-Misilmin f'Mekka. Din is-sura tikkundanna lil dawk ta' wiċċ b'ieħor u lill-bedwini Għarab li ma ħarġux mal-Profeta Muhammad (s.f.) fil-vjaġġ tieghu lejn Mekka. Suret ir-Rebħa tagħlaq billi thabbar ir-rebħa ta' l-Islam, tfaħħar lill-Profeta (s.f.), u tfaħħar ukoll lil shabu li wrew sinċerità lejh sa l-aħħar.

49. Suret il-Kmamar ta' Ġewwa:

Minkejja l-qosor tagħha din is-sura tagħti pariri mill-isbaħ dwar dik li għandha tkun l-imġiba tal-Misilmin mal-Profeta Muhammad (s.f.), kif ukoll bejniethom. Hija sura li tgħallem il-manjieri tajba u tagħti pariri li jgħoddu għal kull żmien, fosthom il-ħtieġa li wieħed ma jgħajjatx meta jitkellem, li ma tinghatax importanza lix-xnigħat, li jkun hemm rikonċiljazzjoni bejn persuni u ġemgħat miksurin bejniethom, il-ħtieġa tar-rispett lejn xulxin, u li wieħed ma jaħsibx ħażin fl-ieħor, jew joffendih. Din is-sura tfakkar ukoll lill-Misilmin li t-twemmin ma huwiex biss bil-fomm, bħalma ħasbu l-Bedwini ta' żmien il-Profeta (s.f.), iżda wieħed jeħtieġlu jemmen bil-qawwa tieghu kollha, jipprattika t-tagħlim tar-religjon, u jagħmel sagrifiċċju biex jogħġob lil Alla l-Imbierek. Din is-sura tishaq fuq il-kunċett li l-umanità hija familja kbira waħda, ġejja mill-istess omm, Eva, u mill-istess missier, Adam (s.f.). Alla għamilhom ġnus u popli biex jaħdmu flimkien u jgħixu fis-sliem. L-aħjar fosthom huwa dak li jisboq lill-oħrajn fil-ħarsien tat-tagħlim ta' Alla l-Imbierek. Isem is-sura jirreferi għall-kmamar ta' ġewwa riservati għan-nisa tal-Profeta (s.f.), u li jissemmew fir-raba' vers ta' din is-sura.

50. Suret l-Ittra *Qāf*:

Il-qofol ta' din is-sura jittratta l-ħajja wara l-mewt, ħaġa li għall-bniedem tidher wisq tqila, iżda għal Alla ma hijiex. Min-natura stess wieħed jara li Alla l-Imbierek jagħti l-ħajja lil art mejta bix-xita li tinżel fuqha. Hekk ukoll fil-każ tan-natura umana, Alla għandu s-setgħa li jqajjem lill-bniedem mill-imwiet għal ħajja ġdida. Barra minn hekk, din is-sura tfakkar fil-qerda tal-ġnus tal-qedem li ċaħdu lill-Mibgħutin ta' Alla. Hija tishaq wkoll li Alla ma jaqbiżlu xejn mill-għemejjel tal-bniedem. Il-Profeta Muħammad (s.f.) huwa mħeġġeġ iżomm b'sabru u jibqa' għaddej bla heda fil-missjoni tiegħu. Is-sura tagħlaq bl-aħħar waqtiet ta' agunija tal-bniedem u l-qawmien mill-imwiet tiegħu biex jingħabar mal-bqija ta' l-umanità għall-Ġudizzju u għall-ħlas xieraq fil-Ġenna jew fl-Infern.

51. Suret l-Irjieħ Derrejja:[18]

Is-sura tibda b'erba' ħalfiet: fuq l-irjieħ, fuq is-sħab, fuq l-imrieħeb fil-baħar u fuq l-anġli. B'dawn il-ħalfiet Alla l-Imbierek jishaq fuq il-verità dwar il-qawmien mill-imwiet, Jum il-Ġudizzju, u l-ħlas fil-Ġenna u fl-Infern. Il-Mekkin ta' żmien il-Profeta Muħammad (s.f.) kienu jiddubitaw u jgiddbu dawn iċ-ċertezzi. Bħalhom kienu għamlu, qabilhom, nies Noè, Abraham, Lot, u Mosè (s.f.), kif ukoll nies Għād, u Ṯamūd. Mill-aħħar kien it-tmiem tagħhom! Is-sura tfakkar lill-Misilmin li l-bniedem inħalaq biex jagħraf lil Alla u biex jagħti qima lilu biss, tul ħajtu kollha.

52. Suret il-Muntanja:

Is-sura ssemmiet għall-muntanja Sinaj, imsemmija fl-ewwel vers, il-post fejn Alla l-Imbierek kellem lil Mosè (s.f.). Hija tibda b'dehriet tal-biża' minn Jum il-Ġudizzju li fih il-ħżiena jieħdu l-kastig misthoqq. Iċ-ċertezza dwar il-kastig li se jmisshom tissaħħaħ b'ħames ħalfiet solenni. Imbagħad is-sura ddawwar l-attenzjoni tal-qarrej fuq il-ġusti u t-tgawdija li se jkollhom fil-Ġenna għal dejjem. Il-ħlas xieraq li hemm jistenniehom jisboq kull sthajjil. Suret il-Muntanja tħeġġeġ lil Muħammad (s.f.) ifakkar u jwissi lill-pagani ta' żmienu. Madanakollu, dawn ftit li xejn tawh widen, anzi għamlu minn kollox biex ikasbruh u jfixkluh fil-qadi tal-missjoni profetika tiegħu. Is-sura tikkonferma li l-profezija ta' Muħammad (s.f.) hija minn Alla. Fl-aħħarnett, is-sura tħeġġeġ lill-Profeta (s.f.) biex iżomm b'sabru u jibqa' sod sa l-aħħar minkejja l-qerq tal-pagani.

53. Suret il-Kewkba:

Isem din is-sura huwa meħud mill-ewwel kelma ta' l-ewwel vers. Is-sura tibda b'referenza għas-safra, f'lejla waħda, tal-Profeta Muħammad (s.f.) lejn Ġerusalemm (*'isrā'*) u, minn hemm, lejn is-sema (*miʿrāġ*). Matul din is-safra l-Profeta (s.f.) ra u sema' dak li ebda għajn qatt ma rat, u ebda widna qatt ma semgħet. Dan il-miraklu

---

[18] Bħalma l-bidwi, wara li jidres il-qamħ, iderrih, jiġifieri jgħollih bil-midra fir-riħ biex isaffih mill-karfa, hekk ukoll l-irjieħ, fil-Qoran, jixxebbhu mal-bidwi għaliex, bħalu, iderru r-ramel, jiġifieri jqanqluh u jxerrduh minn imkien għal ieħor. Min iderri jissejjaħ *derrej*.

kellu juri lill-pagani li l-profezija ta' Muhammad (s.f.) kienet ġejja minn Alla l-Imbierek. Is-sura tisħaq fuq il-frugħa tal-qima ta' l-idoli jew ta' l-anġli, tfakkar fil-ħlas xieraq li kulħadd se jmissu f'Jum il-Ġudizzju, u fis-setgħa divina li ssawwar il-ħlejjaq f'għamla ta' raġel u mara, li taghti l-ġid materjali lil min trid, u li tqajjem lill-mejtin għal ħajja ġdida fil-Ġenna jew fl-Infern. Suret il-Kewkba taghlaq billi tfakkar lill-qarrej fit-tmiem ikrah tal-ġnus ħżiena tal-qedem. Il-qerda taghhom għandha tiswa ta' twissija għal dawk li jwebbsu rashom u ma jridux jibdlu ħajjithom.

54. Suret il-Qamar:
Din is-sura, li tieħu isimha mill-ewwel vers, taghmel attakk shih fuq dawk li jgiddbu u jiċħdu l-Profeti, u ġġib quddiem għajnejn il-qarrej bosta dehriet tal-kastig aħħari. Suret il-Qamar issemmiet hekk għaliex fiha hemm referenza għall-miraklu li kien għamel il-Profeta Muhammad (s.f.) meta l-pagani f'Mekka kienu qalulu li ma jemmnuhx qabel ma jaraw minnu xi miraklu. Il-miraklu seħħ f'wied f'Mekka meta, f'lejla ta' qamar kwinta, il-qamar deher maqsum f'żewġ nofsijiet: nofs deher fuq muntanja, u n-nofs l-iehor fuq muntanja oħra. Darbtejn seħħ dan il-qsim, u deher fi nhawi oħra barra Mekka. Madanakollu, nies Mekka m'emmnux dan il-miraklu u qalu li ma kienx għajr seħer. Is-sura taghmel referenza għall-Jum tal-biża' tal-qawmien mill-imwiet u tiddeskrivi, b'xeni mill-aktar koroh, ħafna minn dak li għad jgħaddu minnu l-midinbin. Suret il-Qamar tfakkar lill-qarrej fil-ġnus ħżiena tal-qedem li ċaħdu lill-Mibghutin ta' Alla, u fil-mod tassew ikrah li bih inqerdu minn wiċċ l-art. Dan kellu jservi biex ifakkar lill-pagani Mekkin li kien se jmisshom l-istess tmiem jekk ma jibdlux ħajjithom. B'kuntrast qawwi mal-bqija tas-sura, l-aħħar versi jfakkru lill-ġusti fil-ħlas mill-isbah li hemm jistenniehom fil-Ġenna.

55. Suret Dak Kollu Ħniena:
Din is-sura, li bħal suriet oħrajn tieħu isimha mill-ewwel vers, tibda billi tfakkar lill-qarrej fl-għadd kbir ta' għotjiet u grazzji li Alla l-Imbierek sawwab fuq il-bniedem. Fost dawn il-grazzji kollha l-Qoran jiġi minn ta' quddiemnett, qabel il-fenomeni naturali, bħalma huma x-xemx, il-qamar, il-kwiekeb, is-sema, l-art li tnibbet kull għamla ta' frott, eċċ. Is-sura taghmilha ċara li d-dehriet ta' ħajja u ta' l-attività umana fuq din l-art għad iridu jiġu fix-xejn. Iżda wara l-mewt tal-bnedmin kollha hemm il-qawmien mill-imwiet fejn kulħadd jieħu dak li ħaqqu. Bħas-suriet Mekkin l-oħra, din is-sura ġġib quddiem għajnejn il-qarrej dehriet koroh tal-kastig fl-Infern, u dehriet mill-isbah tat-tgawdija fil-Ġenna.

56. Suret il-Ġrajja:
Bħas-suriet ta' qabel, din is-sura tieħu isimha mill-ewwel vers, u bħalhom tirreferi għall-waqtiet tremendi ta' Jum il-Qawmien mill-imwiet. Dakinhar il-bnedmin jinqasmu fi tliet kategoriji: 1. in-nies li jiġu l-ewwel fl-għemejjel tajba, 2. nies il-lemin, u 3. nies ix-xellug. Is-sura tiddeskrivi l-ħlas li jmissu kulmin jaqa' f'kull waħda minn dawn it-tliet kategoriji. Suret il-Ġrajja terġa' tfakkar lill-qarrej fil-kobor ta' Alla l-Waħdieni, il-Ħallieq li żejjen ħajjet il-bniedem b'kull ġid u kumditá, fosthom in-nar, kif ukoll bl-akbar ġid spiritwali: it-tniżżil tal-Qoran.

57. Suret il-Ħadid:
Din is-sura tinqasam fi tlieta: 1. il-ħolqien kollu huwa xogħol Alla l-Ħallieq, 2. il-ħtieġa li l-Mislem jagħmel sagrifiċċji, anki materjali, għall-ġid tar-reliġjon, billi jitqatel għal Alla u jgħin lill-fqar, u 3. il-bniedem ma għandux jitqarraq minħabba l-frugħat ta' din id-dinja li ma jdumux ma jgħaddu. Suret il-Ħadid tirreferi sew għal dawk li jemmnu u li jxerrdu d-dawl madwarhom, kif ukoll għal dawk ta' wiċċ b'ieħor li jgħixu f'dalma kbira. Is-sura titħaddet dwar Nies il-Ktieb (il-Lhud u l-Insara) u tfaħħar lit-tajbin u tikkundanna lill-ħżiena. Is-sura tagħlaq billi ssejjaħ lill-Misilmin biex iżommu dejjem il-biża' ta' Alla quddiem għajnejhom, kif ukoll biex jimxu skond it-tmexxija t-tajba tal-Mibgħutin ta' Alla. Isem is-sura meħud mill-ħadid li jissemma fil-vers 25. Dan il-mineral jintuża sew fit-thejjija ta' l-għodod tal-gwerra, biex issir ġustizzja, kif ukoll għal għanijiet paċifiċi.

58. Suret Dik li Tħaqqaqha:
Is-sura tiftaħ bl-istorja ta' Ħawla bint Tagħlaba li marret għand il-Profeta Muhammad (s.f.) u qagħdet tħaqqaqha miegħu dwar il-fatt li żewġha 'Aws ibn aṣ-Ṣāmit, wara żmien jgħixu flimkien, infired minnha biż-*ẓihār*, prattika miż-żminijiet ta' qabel l-Islam li permezz tagħha raġel jiddikjara li dahar martu huwa bħal dahar ommu, u għalhekk martu tkun projbita għalih, u jitlaqha. Madanakollu, il-mara ma tkunx meqjusa divorzjata u għalhekk ma tkunx tista' tiżżewweġ lil ħaddieħor. Ħawla riedet li l-Profeta (s.f.) iġieġħel lil żewġha jerġa' jingħaqad magħha għaliex huwa ma lissinx kliem it-*ṭalāq* (id-divorzju). Min-naħa tiegħu l-Profeta (s.f.) ħaseb li dan ma jistax isir għaliex żewġha kien iddikjara li hija projbita għalih, għaliex kien iqisha bħal ommu. L-Islam ġab fi tmiemha din id-drawwa inġusta, u Alla l-Imbierek f'din is-sura jgħid li ż-*ẓihār* ma huwiex divorzju, u huwa dikjarazzjoni żbaljata. Dan ifisser li raġel jista' jerġa' jingħaqad ma' martu wara li jagħmel att ta' tpattija, bħall-ħelsien ta' lsir, jew sawm għal xahrejn, jew li jitma' sittin fqir. F'din is-sura, wieħed jaqra li Alla sema' t-talba tal-mara u taħa widen, kif xtaqet. Dan jikkonferma l-qagħda importanti u r-rispett li tgawdi l-mara fl-Islam. Imbagħad is-sura titkellem dwar ċertu taħdit sigriet li jsir bejn tnejn min-nies, jew aktar, li jwassal għal xi ħsara fuq ħaddieħor. Ħekk kienu jagħmlu l-Lhud u n-nies ta' wiċċ b'ieħor kontra l-bqija tal-Misilmin. F'din is-sura tissemma ħafna l-imġiba wisq ħażina ta' l-ipokriti li ssieħbu u thabbu bil-mohbi ma' l-għedewwa ta' l-Islam. Is-sura tintemm b'definizzjoni ta' min huma tassew il-Misilmin, jew aħjar, il-ġemgħa ta' Alla.

59. Suret il-Ġabra:
Suret il-Ġabra tibda billi ġġib quddiem għajnejn il-qarrej il-ħolqien kollu li jsebbaħ u jfaħħar lill-Ħallieq. Imbagħad is-sura tgħaddi biex turi l-qawwa ta' Alla meta għen lill-Misilmin ikeċċu lit-tribù Lhudi ta' Banū n-Naḍīr minn Medina wara li dawn kienu ppruvaw joqtlu lill-Profeta Muhammad (s.f.). Dawn il-Lhud, fl-arroganza u fil-mibegħda tagħhom lejn il-Misilmin, qatt ma basru tmiem ikrah bħal dan. Is-sura titkellem dwar x'kellu jsir mill-priża, jiġifieri l-ġid kollu meħud mill-għadu megħlub fi gwerra ġusta. Is-sura tagħmilha ċara li l-għonja ma għandhomx jaħtfu l-priża u

jċaħħdu lill-foqra minnha. Suret il-Ġabra ma tonqosx li tfaħħar lil sħab il-Profeta (s.f.) li ħallew kollox warajhom f'Mekka u emigraw mieghu lejn Medina. Is-sura tfaħħar ukoll lil dawk in-nies minn Medina li ghenu bil-bosta lil ħuthom l-emigranti Misilmin li sabu kenn fil-belt taghhom. Mhux l-istess jinghad dwar in-nies ta' wiċċ b'ieħor li dahlu f'alleanza mal-Lhud kontra l-Misilmin. Is-sura tfakkar ukoll fl-Aħħar Jum, meta kulhadd jieħu l-ħlas li ħaqqu. Fl-aħħar vrus tas-sura jissemmew uħud mill-attributi sbieħ ta' Alla l-Imbierek.

60. Suret il-Mistħarrġa:
Is-sura tibda billi twissi lill-Misilmin biex ma jissehbux ma' l-ghedewwa ta' Alla u taghhom. Hija tfakkar fl-eżempju ta' Abraham (s.f.) u ta' whud minn niesu li ċaħdu l-paganiżmu ta' madwarhom, u saħansitra ħallew lil nieshom il-pagani. Isem is-sura, Il-Mistħarrġa, hija referenza ghall-ħtieġa li l-Misilmin f'Medina kellhom li jistħarrġu sewwa lin-nisa li kienu jemigraw fosthom biex, jekk jinstab li jkunu tassew Misilmin, ma jintbaghtux lura ghand il-pagani f'Mekka. Dan ghaliex il-mara Misilma ma tistax tiżżewweġ raġel li ma huwiex Mislem, biex ma tkunx maħqura. Din is-sura tghallem lill-Misilmin jaghmlu paċi ma' dawk li ma humiex Misilmin li ma jitqatlux kontrihom. Barra minn hekk, Suret il-Mistħarrġa ssemmi kif issir il-weghda ta' lealtà li jaghmlu n-nisa lejn il-Profeta (s.f.). Is-sura tintemm bhalma bdiet, jiġifieri bi twissija lill-Misilmin biex iżommu 'l bogħod mill-ghedewwa ta' Alla li jeħduha kontra l-Misilmin, anki jekk ikunu qrabathom jew ħbiebhom stess.

61. Suret is-Saff:
Suret is-Saff tibda bħal Suret il-Ġabra (sura 59), jiġifieri ġġib quddiem għajnejn il-qarrej il-ħolqien kollu li jfaħħar lill-Ħallieq. Hija twissi lill-Mislem biex ma jiksirx kelmtu, u jara li jaghmel dak li jwiegħed. Barra minn hekk, is-sura tħeġġeġ lill-Misilmin jitqabdu għal Alla, saff wieħed, kontra l-ghedewwa tas-sewwa, anki jekk dan ikun ifisser li jissagrifikaw ġidhom u ħajjithom stess. Suret is-Saff tfakkar lill-Profeta Muħammad (s.f.) li l-Lhud li m'obdewx lil Mosè (s.f.), kienu ċaħdu l-missjoni ta' Ġesù (s.f.), u issa kienu qegħdin jaghmlu l-istess mieghu. Iżda l-pjan ta' Alla ħadd ma jista' jfixklu, u Alla dejjem kien qrib il-Mibgħutin tieghu. Is-sura tishaq, fost l-oħrajn, li Ġesù (s.f.) ħabbar il-miġja tal-Profeta Muhammad (s.f.). Suret is-Saff tagħlaq b'appell lill-Misilmin biex, bħad-dixxipli ta' Ġesù (s.f.), iwieġbu bil-ħeġġa għas-sejħa biex jiddefendu r-reliġjon ta' Alla.

62. Suret il-Ġimgħa:
Din is-sura tibda, bħal suriet oħra, bil-ġieħ u bis-sebħ li l-ħolqien kollu kemm hu jagħti lil Alla l-Ħallieq. Wara dan is-sura tfakkar lill-Misilmin li Muhammad (s.f.) huwa l-Profeta taghhom li hariġhom mid-dlam għad-dawl. Suret il-Ġimgħa tkompli titkellem dwar kif il-Lhud tbiegħdu mit-twemmin veru u mil-liġi ta' Alla mniżżla fit-*Torā*. Fl-aħħarnett is-sura tittratta t-talb ta' nhar ta' Ġimgha, il-jum imqaddes tal-Misilmin u l-festa ta' kull ġimgha. Kien f'dan il-jum li fih Alla l-Imbierek ħalaq lill-bniedem, u f'dan il-jum għad isehh il-qawmien mill-imwiet. Is-sura tħeġġeġ lill-Misilmin biex iħallu warajhom kull ħsieb ieħor ta' din id-dinja, sew jekk negozju, sew

jekk xi mogħdija fiergħa taż-żmien, u jmorru bi ħgarhom fil-moskej biex jisimgħu l-priedka ta' l-*imām* u jagħmlu t-talb tal-Ġimgħa. Dan huwa obbligu għal kull Mislem li jista' jagħmlu. Ix-xogħol hu biss projbit fil-ħin tat-talb tal-Ġimgħa. Qabel u wara t-talb, ix-xogħol jista' jsir. Fuq kollox jum il-Ġimgħa huwa jum ta' talb u maħfra.

63. Suret Dawk ta' Wiċċ b'Ieħor:
Din is-sura teħodha qatta bla ħabel kontra l-ipokriti u l-wiċċ b'ieħor tagħhom, ħekk li ssemmiet għalihom. Din is-sura tikxef ħafna mit-tnassis u mill-għawi tagħhom kontra l-Profeta Muħammad (s.f.) u l-Misilmin. Minkejja li kienu jagħmluha tabirruħhom li kienu Misilmin, għemilhom kien jixhed kontrihom. Huma kienu saħansitra jżommu lil ħaddieħor milli jħaddan l-Islam, u kienu ta' sikwit imexxu xniġħat foloz, anki dwar il-Profeta (s.f.). B'ħekk kienu ta' ħsara kbira għall-Misilmin. It-tattika tagħhom kienet li jindiehsu mal-Misilmin u mbagħad iwasslu kollox għand il-Lhud u l-pagani. Din is-sura tintemm b'sejħa lill-Misilmin biex ma jintilfux wara l-fruġa ta' din id-dinja, u biex jingħataw għall-kawża ta' Alla.

64. Suret it-Tilwim bejn il-Ħżiena Tellifin:
Minkejja li niżlet f'Medina, il-kontenut ta' din is-sura joqrob ħafna lejn is-suriet Mekkin, għaliex jittratta aspetti tad-duttrina Misilma. Hija tirreferi għaż-żewġ tipi ta' bniedem: dak li jagħraf lil Alla b'Sid tiegħu, u l-ieħor li jiċħad lil Alla. Is-sura tfakkar lill-qarrej fil-kastigi li ħarbtu u qerdu lill-ġnus tal-qedem, talli ma tawx widen għall-bxara ta' Alla mwassla lilhom minn għadd ta' Mibgħutin. Hija tiħaq li Jum il-Qawmien u l-Ġudizzju se jsir mal-bnedmin kollha, u ħadd u xejn ma huwa se jżommhom, jgħidu x'jgħidu dawk ta' bla twemmin. Din is-sura twissi lill-Misilmin biex jistennew oppożizzjoni saħansitra minn uħud min-nisa tagħhom u minn uliedhom stess, li jistgħu jfixkluhom fil-qadi ta' dmirijiethom lejn Alla. Is-sura theġġeġ lill-Misilmin biex jagħdru u jaħfru. Hija tagħlaq b'appell biex ma jixxaħħux u biex ikunu dejjem lesti jagħtu ġidhom u ħajjithom għall-Islam. B'ħekk jiksbu l-ogħla ġid: il-maħfra ta' Alla u l-ħena fil-Ġenna għall-dejjem.

65. Suret id-Divorzju:
It-tema ewlenija ta' din is-sura, kif juri isimha stess, hija d-divorzju fid-dawl tat-twemmin u t-tradizzjoni Misilma.[19] Fl-Islam id-divorzju ma huwiex l-aħjar soluzzjoni għaliex, bla dubju, iwassal għat-tmiem tal-familja, b'konsegwenzi ħżiena għall-membri kollha tagħha. L-Islam jippermetti d-divorzju meta l-ħajja tal-koppja ssir impossibbli, u wara li jkun sar minn kollox biex il-koppja tibqa' flimkien, iżda ma jirnexxilhiex. Is-sura tiffissa ż-żmien meta jista' jsir id-divorzju u titkellem fuq iż-żmien stabbilit ta' stennija li matulu l-mara divorzjata għandha tibqa' f'dar żewġha sa ma jinħall iż-żwieġ, u mbagħad tkun tista' tiżżewweġ lil ħaddieħor. L-għan ta' żmien l-istennija huwa biex, matulu, isir magħruf jekk il-mara tkunx tqila jew le. Is-sura turi wkoll kif għandha tkun l-imġiba tal-Mislem sal-jum meta jinħall iż-żwieġ, u kundizzjonijiet oħra, bħal dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-ispejjeż li għandhom

[19] Id-divorzju: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

jintefqu għan-nisa divorzjati. Barra minn hekk, is-sura tfakkar fil-kastig tal-ħżiena u fil-premju tat-tajbin. Hija tagħlaq fuq nota għal kollox differenti, għaliex tfakkar lill-Misilmin fil-qawwa ta' Alla l-Ħallieq, li ħalaq is-seba' smewwiet u s-seba' artijiet, waħda fuq l-oħra, u li fl-għerf bla tarf tiegħu jżomm kollox taħt idejh.

66. Suret il-Projbizzjoni:

Din is-sura ġġib quddiem għajnejn il-qarrej dehra mill-ħajja privata tal-Profeta Muhammad (s.f.) u r-relazzjoni li kellu man-nisa tiegħu. Is-sura tiftaħ bil-projbizzjoni li l-Profeta (s.f.) rabat lilu nnifsu biha fir-rigward tal-qaddejja u l-mara tiegħu Marija, l-Eġizzjana Kopta. Dan għaliex huwa kien iddeċieda li ma jkollux x'jaqsam magħha, biex b'hekk seta' jżomm kuntenti lin-nisa l-oħra tiegħu. Madanakollu, Alla l-Imbierek, permezz ta' l-ewwel vers ta' din is-sura, wera lill-Profeta tiegħu li ma riduxx jiċċaħħad mill-qaddejja tiegħu mingħajr raġuni tajba. Wara dan is-sura titkellem dwar difett tassew ikrah: li wieħed jikxef sigriet li xi ħadd ikun fdalu. Is-sura tikxef lil Ħafṣa, waħda min-nisa tal-Profeta Muhammad (s.f.) li għarrfet lil Għājxa, mara oħra tal-Profeta (s.f.), b'tagħrif kunfidenzjali li kien qalilha żewġha. Din il-ħaġa dejqet mhux ftit lill-Profeta (s.f.), hekk li saħansitra kkunsidra li jiddivorzja lil Ħafṣa. Il-Profeta (s.f.) tant inkwieta li ħalef li ma jersaqx lejn in-nisa tiegħu għal xahar sħiħ, biex b'hekk jikkonvinċihom iħallu l-għira ta' bejniethom. Is-sura tfakkar lin-nisa tal-Profeta (s.f.) li, kieku jrid, Alla jsiblu nisa aħjar minnhom. Is-sura tisħaq fuq ir-responsabbiltà tal-Misilmin lejn in-nisa tagħhom u lejn uliedhom, u twissihom biex jagħmlu minn kollox biex isalvawhom mill-kastig ta' l-Infern. Hija theġġeġ ukoll lill-Misilmin biex jindmu u jduru lejn Alla l-Imbierek. Suret il-Projbizzjoni tagħlaq billi tfakkar fl-eżempju ta' żewġ tipi ta' nisa: nisa ħżiena bħan-nisa ta' Noè u Lot (s.f.) li ċaħdu t-twemmin, minkejja li żwieġhom kienu l-Mibgħutin ta' Alla, u nisa tajbin, bħall-mara tal-Fargħun li tat xhieda għat-twemmin tagħha minkejja li żewġha kien bniedem tirann u mogħti għall-ħażen. Marija omm Ġesù wkoll tat eżempju mill-isbaħ meta ħarset is-safa tagħha u ngħatat kollha kemm hi għal Alla.

67. Suret is-Setgħa:

Kif juri isimha, li hu meħud mill-ewwel vers, din is-sura tibda billi tfakkar fis-setgħa bla tarf ta' Alla l-Imbierek, Sid il-ħolqien kollu. Huwa ħalaq seba' smewwiet fuq xulxin u lill-eqreb sema lejn id-dinja żejnu bil-kwiekeb. Suret is-Setgħa tfakkar ukoll lill-qarrej li l-ħatjin għad jaraw il-kruha ta' l-Infern, filwaqt li t-tajbin ikollhom tmiem mill-aħjar fil-Ġenna. Is-sura tagħti bosta provi tas-setgħa ta' Alla u tal-kobor tiegħu. Hija twissi lil dawk li jiċħdu lil Alla, u jixtiequ l-mewt tal-Profeta (s.f.) u ta' dawk li jemmnu, li ma jdumux ma jduqu l-kastig tiegħu.

68. Suret il-Pinna:

Suret il-Pinna, imsemmija hekk minħabba l-ħalfa fl-ewwel vers, tisħaq fuq tliet temi ewlenin: 1. il-missjoni profetika ta' Muhammad (s.f.) u x-xniġħat qarrieqa tal-Mekkin dwaru (meta qalu li huwa ma huwiex għajr saħħar, poeta, eċċ.) – iżda Alla l-Imbierek għandu l-isbaħ kliem dwar il-Profeta, u jgiddeb l-għedewwa ta' l-Islam, 2. l-istorja tas-sidien tal-ġnien tal-frott li magħhom jitqabblu l-pagani Mekkin, għaliex bħalhom

ma għarfux il-grazzja ta' Alla magħhom, u 3. il-kruha tal-kastig fl-Infern u l-ġmiel tal-premju fil-Ġenna. Fi tmiem is-sura l-Profeta (s.f.) huwa msejjah biex iżomm b'sabru ma' dawk li jiċħdu t-twemmin, minkejja t-tfixkil kollu tagħhom lill-Misilmin.

69. Suret Dik li sseħħ żgur:
Din is-sura hija msemmija hekk għaliex fl-ewwel vers tagħha ssir referenza għal "dik li sseħħ żgur", jiġifieri l-qawma mill-imwiet. Is-sura titkellem fit-tul dwar il-biża' ta' Jum il-Qawmien u tfakkar fil-kastig misthoqq li jingħata lill-ġnus tal-qedem, bħal dawk ta' Tāmūd u Għād li ċaħdu t-twemmin. Is-sura tgħarraf lill-qarrej dwar il-ġrajjiet tremendi li se jseħħu hekk kif tindaqq it-trumbetta li tagħti s-sinjal tal-wasla ta' Jum il-Qawmien. Dak il-ħin l-iġbla jsiru trab u s-smewwiet jinqasmu. It-tajbin imbagħad inewlu b'idhom il-leminija l-ktieb ta' l-għemejjel tagħhom fid-dinja u jingħataw ġieh, filwaqt li l-ħżiena jnewluh bix-xellugija u jitkasbru għall-aħħar. Is-sura tgiddeb il-qlajjiet tal-pagani u tiswaq fuq il-verità tal-missjoni profetika ta' Muhammad (s.f.) għaliex huwa wassal il-Kelma ta' Alla kif niżlitlu, mingħajr tnaqqis jew żjieda. Fl-aħħarnett, is-sura tfaħħar il-Qoran għaliex huwa ħniena minn Alla l-Imbierek għal dawk li jemmnu, u kundanna għall-ħatjin.

70. Suret Turġien it-Tlugħ:
Din is-sura, li isimha huwa meħud mit-tielet vers tagħha, tibda billi titkellem dwar l-arroganza tal-Mekkin u l-ebusija ta' rashom. Dawn ma kinux biss iżebilħu lill-Profeta Muhammad (s.f.), iżda saħansitra kienu jisfidaw lil Alla l-Imbierek u jitolbu fuqhom il-kastig tieġħu qabel iż-żmien. Dan kienu jagħmluh biex juru li ma jemmnux fil-kastig fl-Aħħar Jum. Tagħhom kienet ċaħda totali tat-twemmin. Għalhekk din is-sura titkellem dwar il-qagħda tal-ħżiena fil-Jum meta s-sema jinqasam u l-iġbla jsiru bħas-suf. Dakinhar għalxejn ifittxu l-għajnuna għaliex ma jsibuhiex. Il-qarrej imbagħad jaqra dwar it-tajbin u l-kwalitajiet sbieħ tagħhom, u l-premju kbir imħejji għalihom. Min-naha tagħhom il-ħżiena għandhom il-wiċċ jittamaw li jidħlu l-Ġenna, iżda bit-tama jibqgħu! Suret Turġien it-Tlugħ tagħlaq billi tiswaq fuq iċ-ċertezza tal-Qawmien mill-imwiet u tal-ħlas misthoqq lit-tajbin u lill-ħżiena.

71. Suret Noè:
Suret Noè tiftaħ billi tfakkar lill-qarrej li Alla l-Imbierek kien bagħat lil Noè (s.f.) għal għand niesu biex johroġhom mid-dlam tal-paganiżmu għad-dawl tat-twemmin f'Alla Wieħed. Il-missjoni tieghu ma kinitx ħafifa, u għalxejn ħabrek u ħambaq għal disa' mija u ħamsin sena, biex iwissi u jiftaħ għajnejn niesu, għaliex dawn baqgħu ma tawħx widen u baqgħu jiċħdu t-twemmin veru. Ta' dan huma ħadu l-kastig ta' l-għarqa li qeridhom u ġabhom fix-xejn. Is-sura tagħlaq b'sejħa aħħarija ta' Noè (s.f.) lil niesu, iżda din id-darba huwa jsejjaħ il-kastig ta' Alla fuqhom talli baqgħu jwebbsu rashom għall-grazzja ta' Alla l-Imbierek. Bħal suriet oħra din is-sura għandha l-għan li tnaqqas xi ftit it-tbatija tal-Profeta Muhammad (s.f.) minħabba r-ras iebsa ta' niesu. Hija għalhekk tfakkru li l-qagħda tieghu tixbaħ lil dik li kien fiha Noè (s.f.). Barra minn hekk, suret Noè twissi lill-Mekkin li, jekk se jibqgħu jwebbsu rashom u ma jemmnux, se jkollhom l-istess kastig li mess lil nies Noè (s.f.).

72. Suret il-*Ġinn*:

Il-*ġinn* huma kategorija ta' spirti li Alla l-Imbierek ħalaq min-nar. Huma għandhom is-setgħa jagħmlu t-tajjeb u l-ħażin, u nħalqu biex jagħtu qima lil Alla, bħalma jagħmlu l-bnedmin. Is-sura tiftaħ billi tħabbar li ġemgħa ta' *ġinn* semgħu l-Qoran u mhux biss emmnu fih, iżda saħansitra heġġu lil *ġinn* bħalhom biex jemmnu fih huma wkoll. Barra minn hekk, is-sura ssemmi l-ġrajja ta' meta ġemgħa oħra ta' *ġinn* ippruvat tersaq lejn is-sema biex tissemma' xi jkun qiegħed jingħad, iżda stagħġbet mhux ftit meta sabet l-anġli jgħassu s-sema, bl-ilsna tan-nar imħejjija għal kulmin joqrob iżżejjed lejhom. Dan għaliex wara l-missjoni profetika ta' Muhammad (s.f.) ma hemmx il-ħtieġa li wieħed jitla' s-sema biex isir jaf ir-Rivelazzjoni divina, u jkun biżżejjed jekk wieħed jaqra l-Ktieb ta' Alla, il-Qoran. Bħal fil-każ tal-bnedmin, hemm *ġinn* Misilmin tajbin li jemmnu u se jieħdu l-premju mistħoqq, u hemm oħrajn ħżiena li jiċħdu t-twemmin u li se jduqu l-kastig. Suret il-*Ġinn* tagħlaq billi tfakkar li Alla l-Imbierek waħdu jaf il-mistur u jaf kollox dwar il-ħolqien tiegħu. Is-sura tishaq li Muhammad (s.f.) huwa Mibgħut lill-bnedmin kif ukoll lill-*ġinn*. Alla ried ifarraġ lill-Profeta (s.f.) billi jgħidlu li, għalkemm il-pagani ta' Qurajx m'emmnux, madanakollu l-*ġinn*, li huma aqwa minnhom, emmnu! B'hekk Alla l-Imbierek ried jgħid lill-pagani li ġaladarba l-*ġinn*, li huma tant jibżgħu minnhom, emmnu, mela għaliex ma jemmnux huma wkoll?

73. Suret l-Imgeżwer fil-Ħwejjeġ:

Il-frażi *l-Imgeżwer fil-ħwejjeġ* hija referenza għall-Profeta Muhammad (s.f.) li, skond it-tradizzjoni Misilma, meta kien qiegħed jitlob fl-għar ta' Ħirā', u sema' għall-ewwel darba lill-anġlu Gabrijel jaqralu l-ewwel versi minn Suret id-Demm Magħqud (*Sūratu l-Għalaq*), kien daqshekk kbir il-biża' li ħakmu, li ħareġ jiġri minn hemm, mar id-dar u qal lil martu Ḫadīġa biex tgeżwru fil-ħwejjeġ għaliex kien qiegħed iterter. Din is-sura titkellem fit-tul dwar il-Profeta Muhammad (s.f.) li kien iddedika ħajtu kollha biex iqim lil Alla l-Imbierek u biex jaqdi l-missjoni profetika tiegħu. Din is-sura tgħallem li t-talb matul il-lejl għandu siwi kbir għaliex il-bniedem li jiċċaħħad minn xi ħin ta' l-irqad biex iqattgħu fit-talb u fil-qari tal-Qoran ikun qiegħed joqrob dejjem aktar lejn Sidu l-Ħallieq. Barra minn hekk, din is-sura tamar lill-Profeta (s.f.) iżomm b'sabru fl-imġiba tiegħu mal-pagani. Is-sura twiddeb lill-ħżiena li l-kastig ikun daqshekk tal-biża' li saħansitra t-tfal żgħar jibjadilhom xagħarhom kieku kellhom iġarrbuh. Is-sura tagħlaq billi tfakkar lill-ġusti li kull għemil tajjeb li jagħmlu jsibuh fil-Ħajja l-Oħra.

74. Suret l-Imgħotti fil-Ħwejjeġ:

Il-kelma Għarbija *muddaṯir* tfisser "dak liebes id-*diṯār*". jiġifieri l-libsa li tintlibes fuq il-ħwejjeġ ta' taħt (bl-Għarbi *xigħār*). Is-sura tħeġġeġ lill-Profeta Muhammad (s.f.) biex jaqdi l-missjoni tiegħu, minkejja t-tbatija li ġġib magħha. Hija thedded lill-ħżiena b'Jum iebes li fih ma jsibu ebda serħan mill-qilla ta' Alla. Is-sura tfakkar fil-ġrajja tal-pagan al-Walīd ibn al-Mugħīra li għalkemm sema' l-Qoran u kien jaf li huwa Kliem Alla, huwa xorta waħda ċaħdu u qal li huwa seħer. Huwa ħaseb li kien

jaqbillu jagħmel hekk minħabba li ried jibqa' l-mexxej ta' niesu. Bħal suriet oħra Suret l-Imgħotti fil-Ħwejjeġ tfakkar lill-qarrej fl-Infern u fid-dsatax-il għassies ta' qilla kbira li hemm jgħassu fuqu. Is-sura twassal ukoll taħdita li sseħħ bejn it-tajbin u l-ħżiena dwar x'wassal lil dawn ta' l-aħħar fl-Infern. Il-ħżiena jgħidu li hemm erba' raġunijiet għaliex waslu f'dak l-imkien tal-waħx: għaliex ma kinux nies ta' talb, ma temgħux lill-foqra, kienu jgħaddu ħinhom fil-kliem fieragħ, u kienu jgiddbu Jum il-Qawmien.

75. Suret il-Qawmien:
Din is-sura ħadet isimha mill-ħalfa fl-ewwel vers tagħha, ħalfa li tiswaq fuq iċ-ċertezza ta' Jum il-Qawmien. Dakinhar il-qamar jiddallam u l-għajnejn jitħawdu bil-biża' tal-kastig. Suret il-Qawmien tgħarraf lill-Profeta Muħammad (s.f.) kif kellu jilqa' l-versi tal-Qoran imqaddes mill-anġlu Gabrijel, minghajr ma jipprova jlissen il-versi mill-ewwel, hekk kif jismagħhom. Is-sura tislet id-differenzi bejn it-tajbin u l-ħżiena: il-ġusti jkollhom wiċċhom imdawwal bid-dehra ta' Sidhom quddiemhom meta jagħtihom is-setgħa u l-grazzja li jarawh, filwaqt li l-ħatjin, fil-miżerja kbira tagħhom, ikunu kiebja u mnikktin għall-aħħar. Suret il-Qawmien tfakkar lill-bniedem fid-dgħufija tiegħu meta jiġi wiċċ imb'wiċċ mal-mewt u tagħlaq billi tfakkar li, bħalma Alla l-Imbierek għandu s-setgħa joħloq lill-bnedmin mix-xejn, hekk ukoll għandu s-setgħa jqajjimhom wara mewthom u jiġborhom biex jagħtu kont ta' l-għemejjel tagħhom f'Jum il-Ġudizzju.

76. Suret il-Bniedem:
Isem is-sura huwa meħud mir-referenza għall-bniedem li ssir fl-ewwel vers. Dan il-vers ifakkar li kien hemm żmien meta l-bniedem ma kienx jeżisti. Imbagħad Alla l-Imbierek sawwar bniedem sħiħ, li jisma' u jara. Suret il-Bniedem ukoll, bħal suriet oħra, issemmi l-ħena tal-Ġenna mhejji għat-tajbin, jiġifieri dawk li f'ħajjithom żammu l-wegħda li għamlu, temgħu lill-foqra u beżgħu mill-kastig ta' Alla. Ta' dan kollu t-tajbin jieħdu l-aqwa premju: il-Ġenna, bl-aqwa ikel, xorb u lbies li jkollhom fiha. Permezz ta' din is-sura Alla l-Imbierek jordna lill-Profeta Muħammad (s.f.) jistabar u jibqa' jitlob u jfaħħar lil Alla lejl u nhar. Is-sura tagħlaq billi tfakkar li l-Qoran huwa tifkira għal min għandu moħħ biex jifhem.

77. Suret l-Irjieħ Mibgħuta:
Isem is-sura huwa meħud mill-ħalfa fl-ewwel vers tagħha. Is-sura tkompli b'għadd ta' ħalfiet oħra li jsiru fuq bosta għamliet ta' anġli li jieħdu ħsieb it-tixrid tas-sewwa u t-tinżil tar-Rivelazzjoni divina. Is-sura tfakkar fil-kastig imwieġħed lill-ħatjin u fil-fatt li Alla l-Imbierek għandu s-setgħa jerġa' jqajjem lill-mejtin wara mewthom. Bħal suriet oħra li niżlu f'Mekka, din is-sura ssemmi l-kastig li hemm jistenna lill-ħżiena talli baqgħu jwebbsu rashom u ċaħdu lil Alla, u ssemmi l-premju mhejji għat-tajbin li f'ħajjithom imxew fit-triq ta' Alla.

78. Suret l-Aħbar:
Din is-sura ħadet isimha mill-aħbar li tissemma fit-tieni vers, jiġifieri l-aħbar tal-Qawmien mill-imwiet. Dan huwa s-suġġett ewlieni ta' din is-sura, bħall-bqija tas-suriet li niżlu f'Mekka. Alla l-Imbierek jista' kollox, u bħalma kellu s-setgħa joħloq lill-bniedem mix-xejn, hekk ukoll għandu s-setgħa jqajmu mill-imwiet meta jasal il-ħin. Dakinhar kulmin għex fuq l-art, mill-eqdem żminijiet sa l-aħħar bniedem li jitwieled, għad jingħabar għal Jum li fih kulħadd jagħti kont ta' l-għemejjel tiegħu. L-umanità kollha tinqasam f'ġusti mogħtijin ġieħ fil-Ġenna u f'ħatjin ikkundannati għall-kastig fl-Infern. Is-sura ma tonqosx li tagħti xi dettalji dwar dan il-kastig tal-biża' biex il-qarrej jidħol f'qoxortu u, jekk ikun hemm bżonn, jibdel ħajtu. Iżda jekk ikun diġà fit-triq it-tajba, għandu jara li jżomm sħiħ fiha u jiftakar fl-aqwa premju li hemm jistennieh fil-Ġenna. Suret l-Aħbar tgħarraf lill-qarrej li, meta l-ħżiena jaraw il-kruha ta' Jum il-Qawmien, huma jkunu jixtiequ li jkunu trab biex ma jingħabrux mal-bqija tal-bnedmin, u ma jsirx ħaqq magħhom.

79. Suret Dawk (*l-Anġli*) li jaħtfu:
Din is-sura ħadet isimha mill-ħalfa, fl-ewwel vers, fuq l-anġli li jaħtfu bil-qilla l-erwieħ tal-ħatjin. Mhux l-istess jiġri ma' l-erwieħ it-tajba, għaliex ma' dawn iġibu ruħhom bl-akbar ħlewwa. L-anġli, il-qaddejja ta' Alla l-Imbierek, jagħmlu dan bl-amar ta' Sidhom. Barra li ssemmi lill-ħżiena b'mod ġenerali, is-sura tiġbed l-attenzjoni tal-qarrej lejn il-Fargħun li kien għamel lilu nnifsu alla u kien għamel wisq ħażen. Ta' dan, kemm hu kif ukoll niesu ħadu l-kastig minn din id-dinja stess, meta għerqu fil-ġirja tagħhom għal wara Mosè (s.f.) u niesu. Fis-sura jissemmew ukoll il-Mekkin li ma tawx widen għat-twissijiet tal-Profeta Muhammad (s.f.). Is-sura tagħlaq billi tfakkar lill-qarrej f'Jum il-Qawmien.

80. Suret Dak li qarras Wiċċu:
Is-sura tibda bil-ġrajja ta' l-agħma Għabd Allāh ibn 'Umm Maktūm li kien talab lill-Profeta Muhammad (s.f.) jgħallmu t-tagħlim ta' l-Islam. Dak il-ħin il-Profeta (s.f.) kien f'laqgħa mal-kbarat ta' Qurajx u kien qieghed jagħmel mill-aħjar biex jikkonvinċihom jidħlu fl-Islam. Minħabba f'hekk, il-Profeta (s.f.) ddejjaq bl-interruzzjoni ta' Għabd Allāh u qarras wiċċu. Kien għalhekk li din is-sura ħadet l-isem *Għabasa*, kelma li tidher fl-ewwel vers u li bl-Għarbi tfisser "huwa qarras wiċċu". Il-Profeta (s.f.) għamel hekk għaliex deherlu li jekk jibqa' jkellem lill-kbarat, ikun aħjar għall-Islam għaliex jekk dawk jemmnu, kulħadd kien se jimxi warajhom. Minkejja li l-Profeta (s.f.) kien qieghed iħares l-interessi ta' l-Islam, Alla l-Imbierek xorta waħda baghat din is-sura biex iwiddeb, b'mod ġentili, u jgħallem lill-Profeta (s.f.) u lill-Misilmin li s-siwi tal-bniedem ma jitkejjilx bil-ġid materjali, imma bil-ġid morali u spiritwali tiegħu. Dan l-inċident wassal biex il-Profeta soghob bih li ma laqax lill-agħma l-fqir kif kien jixraq, u minn dakinhar beda jurih rispett kbir, tant li darbtejn ħatru bħala gvernatur ta' Medina. Din is-sura tikkonferma l-onestà tal-Profeta Muhammad (s.f.) għaliex, kieku kien huwa l-kittieb tal-Qoran, ma kienx ikun fl-interess tiegħu li jxandar din il-ġrajja. Is-sura tfakkar li l-bniedem ċaħad lil Alla minkejja l-grazzji kollha u l-ġid kbir li Alla għamel miegħu. Bħal suriet Mekkin oħra,

din tagħlaq bit-tifkira tal-Jum tremend tal-qawmien mill-imwiet u turi l-qagħda li se jkunu fiha kemm it-tajbin kif ukoll il-ħżiena.

81. Suret it-Tiwi:
Is-sura tiftaħ bil-fenomeni naturali tal-bidu' li għad iseħħu meta joqrob Jum il-Qawmien. Dakinhar l-art, l-iġbla, il-bhejjem, il-baħar, ix-xemx, il-qamar u l-kwiekeb ma jibqgħux li jkunu għaliex ikun wasal tmiemhom. Kien għalhekk li isem is-sura jirreferi għat-tiwi tax-xemx imsemmi fl-ewwel vers. Min-naħa tiegħu l-bniedem jitqajjem minn mewtu biex jagħti rendikont ta' ħajtu quddiem Alla l-Ħallieq tiegħu. Is-sura tittratta wkoll ir-Rivelazzjoni divina li tniżżlet lill-Profeta Muħammad (s.f.), u kif din intlaqgħet mill-bniedem. Is-sura tiħaq fuq il-frugħa ta' l-argumenti li dawk li ċaħdu t-twemmin iġibu dwar il-Qoran imqaddes. Hija tfakkar li dan il-Ktieb huwa tifkira u twissija minn Alla l-Imbierek lill-bnedmin.

82. Suret it-Tiċrit:
Bħas-sura ta' qabilha Suret it-Tiċrit iġġib quddiem għajnejn il-qarrej il-fenomeni li għad iseħħu fin-natura meta joqrob tmiem il-ħolqien u jasal Jum il-Qawmien. Fil-fatt is-sura ħadet isimha mill-ewwel vers, li jħabbar li s-sema għad jiċċarrat. Is-sura tfakkar li l-bniedem mhux biss ma jiżżix ħajr lil Alla l-Imbierek tal-ġid u tal-grazzji li jsawwab fuqu, talli jiċħad dan kollu u jibqa' jwebbes rasu, bla twemmin. Iżda Alla l-Imbierek ma jaqbiżlu xejn u qabbad lill-anġli tiegħu biex jgħassu fuq il-bniedem u jniżżlu fil-ktieb ta' ħajtu t-tajjeb u l-ħażin li jagħmel. Dan iwassal biex f'Jum il-Ħaqq il-bnedmin jinqasmu f'żewġ ġemgħat kbar, it-tajbin u l-ħżiena, u kulħadd jieħu l-ħlas mistħoqq. Is-sura tagħlaq billi tkompli tiħaq fuq il-bidu' ta' Jum il-Qawmien. Dakinhar il-bniedem ma jkun jista' joqgħod fuq l-għajnuna ta' ħadd, u waħdu jidher quddiem Alla, l-Akbar Imħallef.

83. Suret Dawk li jqarrqu fl-Użin:
Isem is-sura huwa meħud mir-referenza, fl-ewwel vers, għal dawk in-nies li jqarrqu fl-użin. Is-sura tiddikjara gwerra kontra dawn il-talin li xejn ma jħabblu rashom li xi darba għad iridu jidhru quddiem Alla l-Imbierek, l-Akbar Imħallef. Is-sura titkellem ukoll fuq il-ħżiena u tiddeskrivi l-qilla u l-kruha tal-kastig li għad jieħdu. Barra minn hekk, is-sura ddawwar ħarset il-qarrej lejn il-ġusti u l-ħena bla qjies li għad ikollhom fil-Ġenna. Fl-aħħarnett is-sura tfakkar li t-tajbin kienu n-nies li f'ħajjithom kienu vittmi tat-tkasbir u taż-żeblih tal-ħżiena.

84. Suret it-Tixqiq:
Suret it-Tixqiq, li ħadet isimha mill-ewwel vers, tfakkar lill-qarrej fit-taqlib kbir li jseħħ fil-ħolqien f'Jum il-Qawmien. Is-sura tagħti ħarsa lejn il-bniedem li matul ħajtu jħabrek u jitħabat għall-ħajja u fl-aħħar imut u jasal għand Alla l-Imbierek biex isir ħaqq minnu. Jekk f'ħajtu jgħix tajjeb, jieħu ħlasu fil-Ġenna, iżda jekk jgħix ħażin, isib il-kastig f'nar l-Infern. Is-sura tfakkar ukoll kif il-pagani u n-nies il-ħżiena ċaħdu l-Qoran imqaddes f'ħajjithom. Dan se jpattuh qares fil-Ħajja l-Oħra. Għalhekk is-sura ċċanfarhom bla ħniena u thabbrilhom il-kastig qalil li se jmisshom.

85. Suret il-Kostellazzjonijiet:
Din is-sura, li hadet isimha mill-ewwel vers, tiftah b'halfa fuq is-sema, fuq Jum il-Qawmien, fuq jum il-Ġimgha u fuq jum Gharafa,[20] li l-hżiena li kienu haffru gandott u harqu lil dawk li jemmnu tabilhaqq ghad jinqerdu. Din il-ġrajja tehodna lura ghal żmien qabel il-Profeta Muhammad (s.f.), meta ġemgha ta' nies li jemmnu, aktarx Insara Monoteisti, kienu ġġarrbu minn nies bla twemmin li ppruvaw iġeghluhom jiċhdu twemminhom. Meta dawk bla twemmin raw li kien kollu ghalxejn, haffru gandott kbir, tefghuhom fih u harquhom. F'Jum il-Qawmien Alla l-Imbierek jikkastiga bl-Infern lil dawk bla twemmin li haqru u ppersegwitaw lin-nies ta' fidi f'Alla. Is-sura tfakkar lill-Misilmin ta' Mekka fis-sagrifiċċji ta' dawk il-martri, u b'hekk tfarraghom u theġġiġhom biex iżommu b'sabarhom. Min-naha l-ohra hija tfakkar lill-pagani Mekkin fil-kastig li hemm jistenniehom, jekk jibqghu jahqru lill-Misilmin. Is-sura tintemm bil-ġrajja tal-Farghun tirann u ta' niesu, u ta' nies Tamūd u l-qerda taghhom minhabba l-hażen kbir li ghamlu.

86. Suret il-Kewkba li tinfed:
Is-sura tibda b'halfa fuq is-sema u fuq il-kwiekeb li jiddu billejl li kull bniedem ghandu angli li jharsuh u li jiehdu hsiebu. Imbaghad is-sura tfakkar lill-qarrej li Alla l-Imbierek huwa fuq kollox Setghan u ghalhekk huwa hafif ghalih li jqajjem il-bniedem wara mewtu. Dakinhar ma jibqa' xejn mistur li ma jsirx magħruf, u l-bniedem ma jsib lil hadd biex jghinu. Is-sura taghlaq billi tfakkar li l-Qoran imqaddes huwa l-miraklu tal-Profeta Muhammad (s.f.). Dawk kollha li jgiddbu dan il-Ktieb huma mwissija li, meta jasal iż-żmien, se jiehdu l-kastig li haqqhom.

87. Suret l-Ogħla Wieħed:
Is-sura tiftah billi theġġeġ lill-Profeta Muhammad (s.f.) isebbah lil Alla, l-Ogħla Sid. Kien ghalhekk li din is-sura hadet dan l-isem. Is-sura ssemmi l-ghemil ta' Alla li jmexxi l-holqien, kif ukoll taghmel referenza ghar-Rivelazzjoni divina fil-Qoran. Is-sura theġġeġ ukoll lill-Profeta (s.f.) biex ma jaqtax qalbu ghaliex Alla l-Imbierek jghinu jiftakar il-versi mbierka tal-Qoran, u huwa ma jinsiehom qatt. Il-Profeta (s.f.) huwa msejjah biex jibqa' jfakkar il-Qoran lil dawk li jemmnu biex ma jiċċahhdux mid-dawl tieghu. Suret l-Ogħla Wieħed tfakkar lill-qarrej li r-rebha ahharija hija ghal min jissaffa mid-dnub u jpatti ghal htijietu b'ghemejjel tajba. Fl-ahharnett is-sura tfakkar li t-taghlim tal-Qoran huwa l-istess taghlim fil-Kotba mqaddsa ta' Abraham u ta' Mosè (s.f.).

88. Suret il-Ġrajja li tgħatti għal kollox:
Isem din is-sura huwa mehud mill-ewwel vers. Fiha johorġu żewġ punti ewlenin: 1. Jum il-Qawmien, bil-hena li jġib mieghu ghat-tajbin, u bl-eqqel tbatija ghall-hżiena, u

[20] Jum Gharafa: Ara t-Taghrif Ġenerali.

2. il-provi li Alla l-Imbierek huwa Wieħed, u li għandu s-setgħa joħloq li jrid. Is-sura tintemm b'tifkira lill-qarrej dwar il-wasla tal-bnedmin lura għand Alla l-Ħallieq biex jieħdu l-ħlas li jistħoqqilhom.

89. Suret Dawl is-Sebħ:
Is-sura tiftaħ b'ħalfa fuq is-sebħ, u għalhekk ħadet dan l-isem. Huma tlieta l-punti ewlenin ta' din is-sura: 1. il-ġrajjiet ta' whud mill-ġnus li giddbu lill-Mibgħutin ta' Alla, u l-kastig li ħadu talli ċaħdu t-twemmin, 2. it-tiġrib tal-bnedmin bit-tajjeb u bil-ħażin, u l-imħabba żejda tal-bniedem għall-ġid materjali, u 3. id-destin tat-tajbin u tal-ħżiena f'Jum il-Ħaqq.

90. Suret il-Belt:
Din is-sura ħadet isimha mill-ħalfa fuq il-belt ta' Mekka li tissemma fl-ewwel vers. Alla l-Imbierek isemmi lill-belt ta' Mekka biex juri l-importanza tagħha bħala l-eqdes imkien għal Alla u għall-Islam. Is-sura tfakkar lill-bniedem li Alla dejjem jarah, u li huwa dejjem taħt idejn il-Ħallieq tieghu. Barra minn hekk, is-sura tfakkar lill-bniedem fit-tjieba li Alla wera mieghu, u ta' dan huwa għandu jiżżih ħajr. Is-sura tagħmilha ċara li jekk il-bniedem irid isalva f'Jum il-Qawmien, jehtieġlu jemmen, jagħmel sagrifiċċji, ikun ġeneruż u ħanin ma' l-iltiema u ma' l-fqar, u jżomm b'sabru sa l-aħħar.

91. Suret ix-Xemx:
Suret ix-Xemx ħadet isimha mill-ħalfa fl-ewwel vers. Din hija l-ewwel minn seba' ħalfiet li Alla l-Imbierek jagħmel fuq seba' ħwejjeġ mill-ħolqien tieghu. B'dawn il-ħalfiet Alla jishaq li l-bniedem li jibża' minnu jseħħlu jimxi 'l quddiem u joħroġ rebbieħ. Min-naħa l-oħra l-bniedem li jitbiegħed minn Alla, bid-dnub, ikollu t-telfien ta' dejjem. Is-sura mbagħad iddur għall-ġrajja ta' nies Ṯāmūd u kif dawn giddbu lil Ṣāliħ (s.f.), il-Mibgħut ta' Alla fosthom, u kif qatlu l-ġemla li Alla ħalaq mill-ġebel, u li huwa kien wissiehom biex iħarsuha. Ta' dan huma kienu kastigati bl-ikrah, u l-kastig tagħhom baqa' twissija għall-ġnus ta' warajhom.

92. Suret il-Lejl:
Isem din is-sura huwa meħud mill-ewwel vers tagħha. Il-ħalfiet li tibda bihom għandhom l-għan li jishqu fuq id-diversità tal-ħidma tal-ħlejjaq, fosthom il-bniedem. Is-sura mbagħad tgħaddi biex turi t-triq tat-tajbin li twassal lejn il-ħena, u t-triq tal-ħżiena li twassal lejn in-niket. Suret il-lejl issemmi lill-għonja li jitqarrqu meta jaħsbu li ġidhom li geddsu matul ħajjithom jista' jkunilhom ta' xi siwi f'Jum il-Qawmien. Barra minn hekk, is-sura twissi lill-pagani Mekkin bil-kastig li se jmisshom talli giddbu lill-Profeta Muħammad (s.f.). Is-sura tagħlaq billi ġġib quddiem għajnejn il-qarrej l-eżempju tal-bniedem ġust li jonfoq ġidu fl-għemejjel it-tajba.

93. Suret id-Dawl ta' l-Għodwa:
Il-ħalfa fuq id-dawl ta' l-għodwa tat l-isem lil din is-sura. Hija sura li tolqot direttament il-persuna tal-Profeta Muħammad (s.f.). Għal madwar sentejn Muħammad

(s.f.) ma tniżżlitlux ir-Rivelazzjoni divina, u din il-haġa nikktitu għall-aħħar. Din is-sura sserrah ras il-Profeta (s.f.) li Alla l-Imbierek ma kienx telqu, u lanqas ma baghdu, kif forsi seta' haseb, u kif ħasbu l-ghedewwa tiegħu. Is-sura thabbarlu li hemm jistennieh ħlas kbir fil-Ħajja l-Oħra. Is-sura mbagħad tghaddi biex tfakkar lil Muhammad (s.f.) fi tfulitu meta, barra li kien iltim, ġarrab il-faqar u kien bla direzzjoni fil-ħajja. Iżda Alla l-Imbierek ma nesiehx u sawwab il-grazzja tiegħu fuqu. Is-sura tagħlaq billi theġġeġ lill-Profeta Muhammad (s.f.) biex ihenn u jghin lill-iltim u lill-fqir, bhalma ghamel Alla miegħu, u biex dejjem jiftakar fil-grazzji ta' Alla fuqu.

94. Suret it-Twessigħ:

Din is-sura tisħaq fuq il-pożizzjoni gholja li jgawdi l-Profeta Muhammad (s.f.) quddiem Alla l-Imbierek sew f'din id-dinja kif ukoll fl-Oħra. Hija ssemmi l-grazzji li Alla sawwab fuq il-Mibgħut tiegħu meta qiegħed it-twemmin f'sider il-Profeta (s.f.), dawwallu qalbu bl-gherf, u saffieh mid-dnub. Alla jfakkar dan kollu lill-Mibgħut tiegħu biex jagħmillu l-qalb f'waqt ta' qtigħ il-qalb minhabba l-oppożizzjoni kbira tal-pagani f'Mekka. Is-sura tagħlaq billi tfakkar lill-Profeta (s.f.) dwar il-ħtieġa li, wara li jtemm ix-xandir tat-twemmin Mislem, huwa jiddedika ruhu ghall-qima ta' Alla, b'radd ta' hajr lilu.

95. Suret it-Tin:

It-tin jissemma fl-ewwel ħalfa fl-ewwel vers. Din is-sura titttratta żewġ temi ewlenin: 1. Alla jagħti ġieħ lill-ġens tal-bnedmin, u 2. it-twemmin f'Jum il-Ħaqq. Is-sura tiftah billi ssemmi l-imkejjen imqaddsa li fihom niżlet ir-Rivelazzjoni divina, bhall-muntanja fis-Sinaj, fejn Alla kellem lil Mosè (s.f.), Ġerusalemm, art it-tin u ż-żebbuġ, fejn Alla għażel lil Ġesù (s.f.), u Mekka, l-eqdes belt, fejn Alla għażel lil Muhammad (s.f.). Hija tfakkar ukoll li Alla ħalaq il-bniedem fl-ahjar għamla. Dawk il-bnedmin li ma jagħrfux il-grazzji kbar u l-ġid kollu li sar magħhom se jsibu rwieħhom f'qiegh in-Nar għal dejjem. Suret it-tin iċċanfar ukoll lil dawk bla twemmin talli jiċħdu l-qawma mill-imwiet, minkejja s-sinjali kollha li waslulhom dwar is-setgħa bla tarf ta' Alla. Is-sura ma tonqosx li tfakkar lill-qarrej fil-Ħaqq ta' Alla, li jaghti l-premju u l-kastig kif ikun misthoqq.

96. Suret id-Demm Magħqud:

L-ewwel hames versi ta' din is-sura huma l-ewwel Rivelazzjoni li tniżżlet lill-Profeta Muhammad (s.f.) permezz ta' l-anġlu Gabrijel meta kien fl-Għar ta' Ħirā'. Din is-sura ħadet isimha mit-tieni vers. L-anġlu qal lil Muhammad (s.f.): "Aqra!" u l-Profeta (s.f.) wieġbu: "M'iniex qarrej." Imbagħad l-anġlu Gabrijel reġa' ordnalu jaqra, u l-Profeta wieġeb bl-istess kliem. Kien dak il-ħin li l-anġlu qara lill-Profeta (s.f.) dawk il-hames versi. Is-sura tibda bil-kelma *iqra'* ("aqra!") u fir-raba' vers hemm referenza ghall-pinna. Dan juri biċ-ċar li l-Islam jagħti importanza kbira lit-tagħlim. Barra minn hekk, is-sura tikkundanna lil dawk l-ghonja li ġidhom inessihom lill-Ħallieq li pprovdielhom kollox. Hija tikkundanna wkoll lill-pagan 'Abū Ġahl li ma riedx iħalli lill-Profeta (s.f.) jitlob, u fixklu mhux ftit fil-qadi tal-missjoni profetika. Is-sura tagħlaq bl-amar ta' Alla

l-Imbierek lill-Profeta (s.f.) biex ma jaghtix widen lil 'Abū Ġahl, u biex jibqa' jhabrek fit-talb, ghaliex dan iressqu dejjem aktar lejn Alla l-Imbierek.

97. Suret id-Destin tal-Glorja:
Din is-sura tirreferi ghall-bidu ta' nżul il-Qoran imqaddes lill-Profeta Muhammad (s.f.) permezz ta' l-anġlu Gabrijel fil-lejla ta' bejn is-26 u s-27 ta' xahar *Ramaḍān*. Dik kienet lejla speċjali li, skond it-tielet vers, tiswa aktar minn elf xahar shih. Dan ghaliex f'dik il-lejla tnebbhet il-Kelma ta' Alla ghall-ahhar darba lill-umanità kollha. Isem is-sura mehud mill-ewwel vers.

98. Suret il-Prova:
Is-sura tiftah billi ssemmi l-Lhud u l-Insara li m'emmnux u l-pożizzjoni li ħadu dwar il-missjoni profetika ta' Muhammad (s.f.). Fil-maġġoranza taghhom il-Lhud u l-Insara li ghexu fl-istess żmien ta' Muhammad (s.f.) ma gharfuhx bhala Profeta, minkejja l-provi ċari msemmija fil-Qoran, u wara li gharfu l-verità. Il-pagani wkoll baqghu m'emmnux, u huma meqjusa bhala l-agħar fost il-bnedmin u ħaqqhom l-Infern. Is-sura tispjega li l-qalba tat-twemmin Lhudi, Nisrani u Mislem hija l-istess: il-qadi ta' Alla Wieħed, it-talb u l-karità. Suret il-Prova tishaq li dawk li jemmnu u jaghmlu t-tajjeb huma l-ahjar nies, u ħlashom isibuh fil-Ġenna fejn Alla l-Imbierek jithenna bihom, u huma jithennew bih.

99. Suret it-Theżżiża:
Minkejja li din is-sura niżlet f'Medina, il-kontenut taghha jixbah ħafna s-suriet Mekkin. It-tema ewlenija hija l-Jum tal-biża' li fih il-mejtin jitqajmu mill-imwiet. Qabel ma dan isehh, l-art titheżżeż bil-qawwa, hekk li tferra' kulma jinsab ġewwa fiha, fosthom anki l-mejtin. Kien għalhekk li s-sura ssemmiet għat-theżżiża. L-art stess imbaghad ixxandar it-tajjeb u l-ħażin li jkun sar fuqha, minn kemm ilha mwaqqfa sa l-Ahhar Jum, u tgħarraf lil kull bniedem b'kulma jkun ghamel f'hajtu. Is-sura tagħlaq billi tfakkar lill-qarrej li l-bniedem ghad jithallas ta' kull naqra ġid jew deni li jagħmel matul ħajtu.

100. Suret iż-Żwiemel Lebbieta:
Suret iż-Żwiemel Lebbieta tiftah b'halfa fuq iż-żwiemel tal-qawwiet ta' dawk li jitqabdu ghal Alla fit-taqbida taghhom kontra l-qawwiet tad-dlam. Dawn iż-żwiemel huma deskritti b'mod mill-aktar espressiv. Alla jagħmel din il-ħalfa biex jishaq fuq il-fatt li l-bniedem huwa ingrat lejh, minkejja x-xita ta' grazzji li Alla jsawwab fuqu. Mhux biss, talli l-bniedem jorbot qalbu, bix-xehha kollha, mal-ġid materjali. Madanakollu, dan xejn ma jiswielu meta jitqajjem mill-mewt ghal Jum il-Ħaqq.

101. Suret l-Għawġ il-Kbir:
Din hija sura Mekkija ohra li tfakkar lill-qarrej fil-waqtiet tremendi ta' Jum il-Qawmien. Kien ghalhekk li hadet isimha mill-ewwel vers tagħha. Dakinhar il-bnedmin johorġu mill-oqbra bhal friefet li jitferrxu ma' kullimkien. Fil-biża' u t-

tahwid kbir li jahkimhom huma jixterdu 'l hawn u 'l hinn qabel ma jingabru quddiem Sidhom biex isir haqq minnhom. Dakinhar l-iġbla wkoll jiġu fix-xejn. Fi tmiem is-sura jissemmew kfief il-miżien li jistghu jimtlew b'ghemejjel tajba jew hżiena. Dawk li jinqabdu bi kfief neqsin mill-ghemejjel it-tajba jsibu rwiehhom fil-hofra bla qiegh ta' l-Infern.

102. Suret il-Pika fit-Tkattir tal-Ġid:
Isem is-sura huwa mehud mill-ewwel vers u jiġbor fih it-tema miġjuba ghall-attenzjoni tal-qarrej, jiġifieri l-frugha tat-thabrik tal-bniedem f'din id-dinja biex jiġma' u jgeddes il-ġid materjali, u l-pika li jidhol fiha ma' bnedmin ohra biex jistaghna aktar minnhom. Dan jaghmlu minkejja li jaf li dan it-tahbit kollu ma huwa se jiswielu xejn ghall-Ħajja l-Ohra. Mhux biss talli dan it-tahbit iwasslu biex jaljenah minn dak li huwa tassew mehtieġ: il-qima ta' Alla u l-hajja tar-ruh li tmur maghha. Is-sura taghlaq billi tishaq fuq ir-responsabbiltà tal-bniedem lejn il-grazzji li tah Alla l-Imbierek, u tfakkar lill-qarrej fin-Nar iheġġeġ imhejji ghal min mohhu biss biex ikattar il-ġid materjali.

103. Suret iż-Żmien:
Din is-sura qasira tfakkar lill-qarrej li sehmu se jkun it-telfien jekk f'hajtu ma jhaddanx erba' kriterji ewlenin: 1. it-twemmin, 2. l-ghemejjel tajba, 3. il-haqq u s-sewwa, u 4. is-sabar. Dawn huma s-sisien li fuqhom il-bniedem jehtieġlu jibni hajtu, jekk irid li jithenna fil-hajja ta' dejjem.

104. Suret Dak li jhobb iqasqas:
Isem is-sura huwa mehud mill-ewwel vers u jiġbor fih fenomenu mill-aktar mistkerrah li jharbat mhux ftit il-hajja soċjali: it-tqasqis, il-gideb u l-kliem fieragh li jinghad dwar haddiehor minn wara dahru bil-ghan li tinġieb fix-xejn il-personalità u d-dinjità tieghu. Barra minn hekk, is-sura tikkundanna wkoll it-tgeddis tal-ġid materjali. Meta l-bniedem igeddes il-ġid ikun imqarraq ghaliex jahseb li se jibqa' fuq wiċċ l-art ghal dejjem. Is-sura taghlaq b'dehriet koroh tan-nar imkebbes sewwa ta' l-Infern li thejja ghal min ma jridx jibdel hajtu u jdur lejn Alla.

105. Suret l-Iljunfant:
Suret l-Iljunfant tirreferi ghall-hbit bl-iljunfanti li kien ghamel Abraha, is-sultan Nisrani tal-Jemen, fl-artijiet tal-peniżola Gharbija. Il-hsieb kien li jsir hbit fuq Mekka biex tinqered il-*Kaghba* li tinsab fiha, u li minn dejjem kienet ċentru ta' pellegrinaġġi. Madanakollu, Alla l-Imbierek harbat ghal kollox il-pjanijiet ta' dan l-aggressur. Dan ghaliex Alla baghat qtajja' kbar ta' tjur b'ġebel fil-munqar u f'saqajhom u waddbuh bil-qilla kollha ghal fuq il-qawwiet ta' Abraha u qerduhom. Dan il-hbit aktarx sehh fis-sena 570 w.K., jiġifieri fl-istess żmien li fih twieled il-Profeta Muhammad (s.f.).

106. Suret Qurajx:
Din is-sura tfakkar fil-grazzji kbar li Alla l-Imbierek ghamel ma' nies il-belt ta' Mekka b'mod ġenerali, u mat-tribù ta' Qurajx b'mod partikulari. Ta' kull sena l-Mekkin

kienu jagħmlu żewġ safriet ta' xejra kummerċjali: waħda fis-sajf, lejn is-Sirja, u l-oħra fix-xitwa, li kienet tehodhom sal-Jemen, fin-nofsinhar tal-peniżola Għarbija. Alla kien ta lit-tribù ta' Qurajx il-grazzja li jagħmlu dan is-safar f'sigurtà kbira u b'ħekk dan it-tribù, li minnu ħareġ il-Profeta Muħammad (s.f.), kien fost l-aktar tribujiet għonja tal-peniżola Għarbija.

107. Suret il-Karità:
Din is-sura titkellem fuq żewġ għamliet ta' bnedmin: 1. dawk li ma jemmnux f'Jum il-Ġudizzju, fil-Ġenna u fl-Infern, iġibu rwieħhom ħażin ma' l-iltim, u ma jagħmlux għemejjel tajba, u 2. dawk ta' wiċċ b'ieħor li ma jitolbux sewwa, ma jagħmlux karità, u kulma jagħmlu, jagħmluh biss għal għajnejn in-nies, mhux għaliex tassew jemmnu. Is-sura twissi lil dawn iż-żewġ kategoriji ta' nies li hemm kastig kbir jistenniehom.

108. Suret ix-Xmara 'al-Kawṯar:
'Al-Għāṣ ibn Wā'il, wieħed mill-għedewwa pagani, ta' spiss kien jinki lil Muħammad (s.f.) illi t-tliet ulied subien li kellu kienu mitulu fi tfulithom u, minħabba f'ħekk ma kienx se jħalli nisel warajh. Minkejja li dan al-Għāṣ kellu tfal subien, madanakollu kien imċaħħad minn kull tama ta' ħniena divina f'din id-dinja u fl-oħra. Is-sura theġġeġ lill-Profeta (s.f.) biex jiftakar fil-ġid kbir li Alla għamel miegħu, aktar u aktar meta tah xmara fil-Ġenna jisimha 'al-Kawṯar. Is-sura theġġu juri l-gratitudni tiegħu bit-talb u bis-sagrifiċċju.

109. Suret Dawk li ma jemmnux:
Din is-sura, li ħadet isimha mill-ewwel vers, tiħaq fuq it-twemmin f'Alla Wieħed u fuq il-frugħa tat-twemmin fl-allat. Darba fost l-oħrajn il-pagani ta' Mekka kienu stiednu lill-Profeta Muħammad (s.f.) biex jagħti qima lill-allat tagħhom għal żmien sena u wegħduh li huma wkoll imbagħad iqimu lil Alla tiegħu għal sena. Kien għalhekk li niżlet din is-sura li tiħaq li fejn jidħol it-twemmin ma hemmx kompromess.

110. Suret l-Għajnuna:
Din is-sura niżlet ftit xhur qabel mewt il-Profeta Muħammad (s.f.) fix-xahar ta' *Rabīgħ al-'Awwal* tas-sena 11 (w.H.), jiġifieri fit-8 ta' Ġunju 632 w.K. Ir-rebħa msemmija hija dik tal-Misilmin fuq il-belt ta' Mekka li seħħet fis-sena 630 w.K. (8 w.H.). Din ir-rebħa seħħet wara li l-mexxej tal-pagani 'Abū Sufjān, li kien il-mexxej tat-tribù ta' Qurajx, għamel paċi mal-Profeta u tah f'idejh il-belt ta' Mekka. Ir-rebħa ta' Mekka ġabet fix-xejn il-paganiżmu, u wasslet għat-tixrid u t-tishiħ ta' l-Islam fil-peniżola Għarbija kollha. Fi ftit tas-snin l-Islam ħareġ mill-art li nżera' fiha u wasal f'artijiet imxerrda ma' l-erbat irjieħ tad-dinja.

111. Suret il-Ħabel Mibrum tal-Palm (l-Ilsien tan-Nar):
'Abū Lahab kien il-laqam ta' wieħed miz-zijiet tal-Profeta Muħammad (s.f.). Ismu proprju kien Għabd al-Għużża ibn Għabd al-Muṭṭalib. Laqmu – 'Abū Lahab – ifisser "dak ta' l-ilsna tan-nar" minħabba l-ħmura ta' wiċċu u t-tendenza li kellu li jagħdab

malajr. 'Abū Lahab kien fost l-eqqel għedewwa tal-Misilmin u kien sehet lill-Profeta bil-kliem "Nirrak tintilef!" Iżda l-qawwa tat-tajjeb tegħleb il-qawwa tal-ħażen, u dak li 'Abū Lahab xtaq lil għajru ġie fuqu nnifsu għaliex miet b'marda kerha ftit jiem wara l-battalja ta' Badr. Mart 'Abū Lahab kienet al-Għawrā 'Umm Ġamīl bint Ħarb, oht 'Abū Sufjān, wieħed mill-mexxejja tal-pagani f'Mekka u mill-istess tribù ta' Muhammad (s.f.). Din il-mara kellha mibegħda kbira lejn il-Profeta Muhammad (s.f.). Jingħad li fi ljieli mudlama kienet torbot qatet ta' xewk marbuta bi ħbula mibruma mill-weraq tal-palm u xxerridhom kull fejn kien ikun se jgħaddi l-Profeta (s.f.) bil-ħsieb li jitfixkel, jaqa' fihom u jweġġa'. Ta' għemilha sthaqqet l-Infern, bhal żewġha. Din is-sura hija prova li l-Qoran huwa minghand Alla għaliex fih profezija li seħħet. Dan għaliex 'Abū Lahab u martu mietu jiċħdu t-twemmin bhalma kien bassar il-Qoran, filwaqt li kieku riedu, setgħu jiddikjaraw li dahlu fl-Islam biex b'hekk ixejnu din il-profezija.

112. Suret it-Twemmin Safi:
Din is-sura tiħaq fuq uhud mill-attributi ta' Alla l-Imbierek: Huwa Wieħed, u Huwa Dak li kulħadd idur lejh f'kull ħtieġa. Alla l-Imbierek la jwelled u lanqas jitwieled, u ma hemm ebda alla ieħor għajru. Is-siwi ta' din is-sura joħroġ mill-fatt li l-Profeta Muhammad (s.f.) kien stqarr li l-qari ta' din is-sura jiswa daqs il-qari ta' terz mill-Qoran.

113. Suret is-Sebħ:
Din is-sura theġġeġ lill-Misilmin biex iħallu warajhom l-imgħoddi mimli superstizzjonijiet u b'kull għamla ta' seħer u jfittxu l-kenn tagħhom biss f'Alla l-Imbierek. Huma jeħtiġilhom ifittxu kenn f'Alla u fil-ħarsien tiegħu mill-ħażen li ġġib magħha d-dalma tal-lejl u mill-ħażen ta' xi ħlejjaq, fosthom il-bnedmin stess. Fost dawn, perikoluži għall-aħħar huma s-sħahar u l-għajjurin.

114. Suret in-Nies:
Isem is-sura huwa meħud mill-ewwel vers. Suret in-Nies tiħaq fuq il-kruha tat-tfesfis li jiġi minn żewġ għejun: 1. mill-*ġinn*, kelma Għarbija li tfisser ħlejjaq f'għamla ta' spirti "moħbija" u ma jidhrux, u 2. min-nies. Hemm żewġ tipi ta' *ġinn*: it-tajbin li jagħmlu l-ġid lill-bniedem, u l-*ġinn* il-ħżiena li huma x-xjaten, li jħabbtu u jxekklu bil-bosta lill-bniedem fil-ħajja spiritwali tiegħu. Din l-aħħar sura theġġeġ lill-Profeta Muhammad (s.f.) u lill-Misilmin kollha biex isibu kenn f'Alla mit-tfesfis ta' dawn il-*ġinn* u mill-għawi u mit-tixwix tan-nies il-ħżiena. L-aħħar żewġ suriet tal-Qoran imqaddes jaqbdu b'mod mill-isbaħ ma' l-ewwel sura li fetaħ biha, suret il-*Fātiħa*. Dan għaliex permezz tagħhom il-Misilmin jitolbu l-għajnuna ta' Alla, u jfittxu l-kenn u l-ħarsien tiegħu f'kulma jagħmlu.

القرآن الكريم

وترجمة معانيه إلى اللغة المالطية

ترجمة

مارتن زمّيت

محمد السعدي



جمعية الدعوة الإسلامية العالمية


طرابلس - الجماهيرية العربية الليبية الشعبية الاشتراكية العظمى

Il-Qoran Imqaddes

maqlub mill-Għarbi minn

MARTIN R. ZAMMIT
MUĦAMMAD EL-SADI

L-Għaqda Dinjija għas-Sejħa Islamika
Tripli - Libja



بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ ﴿١﴾

ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ رَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿٢﴾

ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ ﴿٣﴾ مَٰلِكِ يَوْمِ ٱلدِّينِ ﴿٤﴾

إِيَّاكَ نَعْبُدُ وَإِيَّاكَ نَسْتَعِينُ ﴿٥﴾ ٱهْدِنَا

ٱلصِّرَٰطَ ٱلْمُسْتَقِيمَ ﴿٦﴾ صِرَٰطَ ٱلَّذِينَ أَنْعَمْتَ

عَلَيْهِمْ غَيْرِ ٱلْمَغْضُوبِ عَلَيْهِمْ

وَلَا ٱلضَّآلِّينَ ﴿٧﴾

1. *Sūratu l-Fātiħa*

(Suret il-Ftuħ – Niżlet f'Mekka b'7 versi)[21]

Nistkenn f'Alla mix-Xitan il-mishut.[22]


1. F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.[23]
2. It-tifħir lil Alla, Sid il-ħolqien,
3. Kollu Ħniena, il-Ħanin,
4. is-Sultan ta' Jum il-Ħaqq.
5. Lilek inqimu, u lilek nitolbu għajnuna.
6. Mexxina fit-triq id-dritta,
7. triq dawk li xħett fuqhom il-grazzja tiegħek, u mhux ta' dawk li *(ġibdu)* l-għadab *(tiegħek)* fuqhom, u lanqas tal-mitlufin.

---

[21] Mekka: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

[22] Qabel jibda l-qari tal-Qoran imqaddes, tingħad din it-talba qasira msejħa *'al-istigħāḏa.* Ara t-Tagħrif Ġenerali.

[23] Dan il-vers jingħad qabel il-qari tal-Qoran imqaddes (minbarra qabel *Sūratu t-Tawba*) u jissejjaħ il-*basmala*. Ara t-Tagħrif Ġenerali.



سورة البقرة

بسم الله الرحمن الرحيم

الٓمٓ ﴿١﴾ ذَٰلِكَ ٱلْكِتَٰبُ لَا رَيْبَ ۛ فِيهِ ۛ هُدًى
لِّلْمُتَّقِينَ ﴿٢﴾ ٱلَّذِينَ يُؤْمِنُونَ بِٱلْغَيْبِ وَيُقِيمُونَ ٱلصَّلَوٰةَ
وَمِمَّا رَزَقْنَٰهُمْ يُنفِقُونَ ﴿٣﴾ وَٱلَّذِينَ يُؤْمِنُونَ بِمَآ أُنزِلَ
إِلَيْكَ وَمَآ أُنزِلَ مِن قَبْلِكَ وَبِٱلْءَاخِرَةِ هُمْ يُوقِنُونَ ﴿٤﴾
أُو۟لَٰٓئِكَ عَلَىٰ هُدًى مِّن رَّبِّهِمْ ۖ وَأُو۟لَٰٓئِكَ
هُمُ ٱلْمُفْلِحُونَ ﴿٥﴾

2. *Sūratu l-Baqara*

(Suret il-Baqra – Niżlet f'Medina b'286 vers)[24]

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *'Alif. Lām. Mīm.*[25]
2. Dan huwa l-Ktieb *(il-Qoran)*, bla *(ebda)* dubju; fih tmexxija tajba għal dawk li jibżgħu minn Alla,
3. li jemmnu fil-mistur, jagħmlu t-talb u jonfqu mill-ġid li tajniehom *(għal ħaddieħor)*,[26]
4. u li jemmnu f'dak li tniżżel lilek *(Muħammad)* u f'li tniżżel qablek, u jemmnu sħiħ fil-Ħajja l-Oħra.
5. Dawk għandhom it-tmexxija t-tajba mingħand Sidhom, u dawk huma *(tabilħaqq)* ir-rebbieħa.

[24] Medina: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

[25] Dawn huma l-ismijiet tat-tliet ittri *a, l, m* ta' l-alfabett Għarbi. Bosta suriet jibdew b'ittri ta' l-alfabett Għarbi. Dawn l-ittri jissejħu *'al-ħurūfu l-muqaṭṭagħa*, jiġifieri "l-ittri mqattgħa". Ara t-Tagħrif Ġenerali.

[26] Il-frażi *jagħmlu t-talb* tirreferi sew għat-talb ħames darbiet kuljum (it-tieni pilastru ta' l-Islam: *'aṣ-ṣalāt* – ara t-Tagħrif Ġenerali), kif ukoll għal talb ieħor ta' natura privata u personali li jista' jsir f'kull ħin tal-jum.

إِنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ سَوَآءٌ عَلَيْهِمْ ءَأَنذَرْتَهُمْ أَمْ لَمْ تُنذِرْهُمْ
لَا يُؤْمِنُونَ ﴿6﴾ خَتَمَ ٱللَّهُ عَلَىٰ قُلُوبِهِمْ وَعَلَىٰ سَمْعِهِمْ ۖ وَعَلَىٰٓ
أَبْصَٰرِهِمْ غِشَٰوَةٌ ۖ وَلَهُمْ عَذَابٌ عَظِيمٌ ﴿7﴾ وَمِنَ ٱلنَّاسِ
مَن يَقُولُ ءَامَنَّا بِٱللَّهِ وَبِٱلْيَوْمِ ٱلْءَاخِرِ وَمَا هُم بِمُؤْمِنِينَ ﴿8﴾
يُخَٰدِعُونَ ٱللَّهَ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَمَا يَخْدَعُونَ إِلَّآ أَنفُسَهُمْ
وَمَا يَشْعُرُونَ ﴿9﴾ فِى قُلُوبِهِم مَّرَضٌ فَزَادَهُمُ ٱللَّهُ مَرَضًا ۖ
وَلَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌۢ بِمَا كَانُوا۟ يَكْذِبُونَ ﴿10﴾ وَإِذَا قِيلَ لَهُمْ
لَا تُفْسِدُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ قَالُوٓا۟ إِنَّمَا نَحْنُ مُصْلِحُونَ ﴿11﴾
أَلَآ إِنَّهُمْ هُمُ ٱلْمُفْسِدُونَ وَلَٰكِن لَّا يَشْعُرُونَ ﴿12﴾ وَإِذَا قِيلَ
لَهُمْ ءَامِنُوا۟ كَمَآ ءَامَنَ ٱلنَّاسُ قَالُوٓا۟ أَنُؤْمِنُ كَمَآ ءَامَنَ ٱلسُّفَهَآءُ ۗ
أَلَآ إِنَّهُمْ هُمُ ٱلسُّفَهَآءُ وَلَٰكِن لَّا يَعْلَمُونَ ﴿13﴾ وَإِذَا لَقُوا۟
ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ قَالُوٓا۟ ءَامَنَّا وَإِذَا خَلَوْا۟ إِلَىٰ شَيَٰطِينِهِمْ قَالُوٓا۟ إِنَّا
مَعَكُمْ إِنَّمَا نَحْنُ مُسْتَهْزِءُونَ ﴿14﴾ ٱللَّهُ يَسْتَهْزِئُ بِهِمْ وَيَمُدُّهُمْ
فِى طُغْيَٰنِهِمْ يَعْمَهُونَ ﴿15﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ ٱشْتَرَوُا۟ ٱلضَّلَٰلَةَ
بِٱلْهُدَىٰ فَمَا رَبِحَت تِّجَٰرَتُهُمْ وَمَا كَانُوا۟ مُهْتَدِينَ ﴿16﴾

6. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux xorta waħda għalihom, sew jekk twissihom *(Muħammad)*, u sew jekk ma twissihomx *(dwar il-kastig li ġej fuqhom)*: huma ma jemmnux.
7. Alla qiegħed siġill fuq qlubhom, fuq is-smigħ tagħhom, u għamad fuq għajnejhom. Għalihom *(hemm)* kastig mill-kbar *(f'din il-ħajja u fl-Oħra)*.
8. Fost in-nies hemm min jgħid: "Nemmnu f'Alla u fl-Aħħar Jum," iżda ma jemmnux *(tassew)*.
9. Iqarrqu *(mingħalihom)* b'Alla u b'dawk li emmnu, iżda ma jqarrqux ħlief bihom infushom, bla ma jintebħu.
10. Fi qlubhom hemm marda, u Alla żiedhom fil-mard. Għalihom *(hemm)* kastig ta' wġigħ mill-kbar, tal-gideb li kienu jigdbu.
11. Meta jingħad lilhom: "La tagħmlux ħsara fl-art," huma jgħidu: "Anzi aħna nagħmlu l-ġid!"
12. Tabilħaqq huma li jagħmlu l-ħsara, iżda ma jintebħux.
13. U meta jingħad lilhom: "Emmnu bħalma jemmnu n-nies," huma jgħidu: "Għandna nemmnu bħalma jemmnu l-boloh?" Tabilħaqq huma l-boloh, iżda ma jafux.
14. Meta *(dawn ta' wiċċ b'ieħor)* jiltaqgħu ma' dawk li jemmnu, jgħidu: "Aħna nemmnu." Iżda meta jkunu waħidhom, max-xjaten tagħhom, jgħidu: "Aħna tabilħaqq magħkom. Konna qegħdin biss inwaqqgħu *(it-twemmin)* għaċ-ċajt."
15. Alla jwaqqa' lilhom għaċ-ċajt *(u b'hekk iħallashom bl-istess għemil tagħhom)* u jħallihom mitlufin bħal għomja fil-ħtija tagħhom.
16. Huma dawk li xtraw it-telfien u biegħu t-tmexxija t-tajba, iżda n-negozju tagħhom ma ħalliex qligħ, u tilfu t-tmexxija t-tajba.

مَثَلُهُمْ كَمَثَلِ ٱلَّذِى ٱسْتَوْقَدَ نَارًا فَلَمَّآ أَضَآءَتْ مَا حَوْلَهُۥ
ذَهَبَ ٱللَّهُ بِنُورِهِمْ وَتَرَكَهُمْ فِى ظُلُمَٰتٍ لَّا يُبْصِرُونَ ﴿17﴾ صُمٌّۢ
بُكْمٌ عُمْىٌ فَهُمْ لَا يَرْجِعُونَ ﴿18﴾ أَوْ كَصَيِّبٍ مِّنَ ٱلسَّمَآءِ فِيهِ
ظُلُمَٰتٌ وَرَعْدٌ وَبَرْقٌ يَجْعَلُونَ أَصَٰبِعَهُمْ فِىٓ ءَاذَانِهِم مِّنَ ٱلصَّوَٰعِقِ
حَذَرَ ٱلْمَوْتِ ۚ وَٱللَّهُ مُحِيطٌۢ بِٱلْكَٰفِرِينَ ﴿19﴾ يَكَادُ ٱلْبَرْقُ يَخْطَفُ
أَبْصَٰرَهُمْ ۖ كُلَّمَآ أَضَآءَ لَهُم مَّشَوْا۟ فِيهِ وَإِذَآ أَظْلَمَ عَلَيْهِمْ قَامُوا۟ ۚ
وَلَوْ شَآءَ ٱللَّهُ لَذَهَبَ بِسَمْعِهِمْ وَأَبْصَٰرِهِمْ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ عَلَىٰ كُلِّ
شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿20﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ ٱعْبُدُوا۟ رَبَّكُمُ ٱلَّذِى خَلَقَكُمْ
وَٱلَّذِينَ مِن قَبْلِكُمْ لَعَلَّكُمْ تَتَّقُونَ ﴿21﴾ ٱلَّذِى جَعَلَ لَكُمُ
ٱلْأَرْضَ فِرَٰشًا وَٱلسَّمَآءَ بِنَآءً وَأَنزَلَ مِنَ ٱلسَّمَآءِ مَآءً فَأَخْرَجَ
بِهِۦ مِنَ ٱلثَّمَرَٰتِ رِزْقًا لَّكُمْ ۖ فَلَا تَجْعَلُوا۟ لِلَّهِ أَندَادًا وَأَنتُمْ
تَعْلَمُونَ ﴿22﴾ وَإِن كُنتُمْ فِى رَيْبٍ مِّمَّا نَزَّلْنَا عَلَىٰ عَبْدِنَا
فَأْتُوا۟ بِسُورَةٍ مِّن مِّثْلِهِۦ وَٱدْعُوا۟ شُهَدَآءَكُم مِّن دُونِ ٱللَّهِ
إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ ﴿23﴾ فَإِن لَّمْ تَفْعَلُوا۟ وَلَن تَفْعَلُوا۟ فَٱتَّقُوا۟
ٱلنَّارَ ٱلَّتِى وَقُودُهَا ٱلنَّاسُ وَٱلْحِجَارَةُ ۖ أُعِدَّتْ لِلْكَٰفِرِينَ ﴿24﴾

17. Huma bħal dak li kebbes nar li, meta dawwal madwaru, Alla *(lil dawk li ċaħduh)* ħadilhom id-dawl tagħhom u telaqhom fi dlamijiet, bla ma jaraw.

18. Torox, imbikkma, għomja, u għalhekk ma jerġgħux lura *(għat-triq it-tajba)*.

19. Jew bħal sħaba tax-xita, mis-sema, li fiha dlamijiet, ragħad u beraq. Huma jqiegħdu subgħajhom f'widnejhom minħabba t-tifqigħ tar-ragħad, bil-biża' tal-mewt. Iżda Alla għandu taħt idejh lil dawk li ma jemmnux.

20. Il-beraq għoddu jaħtaf dawl għajnejhom; kull meta *(il-beraq)* idawwal madwarhom, huma jimxu fih *(fid-dawl tiegħu)*, u meta jdallam fuqhom, huma jieqfu. Kieku ried, Alla ħadilhom is-smigħ u dawl għajnejhom. Alla tabilħaqq fuq kollox Setgħan.

21. Ja nies, qimu lil Sidkom li ħalaq lilkom u lil ta' qabilkom, forsi jkollkom il-biża' ta' Alla.

22. *(Huwa)* li għamlilkom l-art bħal friex, u s-sema bħal saqaf, u niżżel l-ilma mis-sema u bih ħareġ għamliet ta' frott għall-għajxien tagħkom. Lil Alla tagħmlulux allat oħra *(li jħabbtuha miegħu)* meta intom tafu *(li lilu biss tistħoqq kull qima)*.

23. Jekk intom f'dubju dwar dak *(il-Qoran)* li niżżilna lill-qaddej tagħna *(Muħammad)*, mela ġibu xi sura bħalu *(li tixbah is-suriet f'dan il-Ktieb)* u sejħu x-xhieda tagħkom *(jekk tabilħaqq għandkom lil xi ħadd)* minbarra Alla, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa.

24. Iżda jekk ma tagħmlux dan, u tabilħaqq qatt m'intom se tagħmlu*(h)*, mela ibżgħu min-Nar li l-ħatab tiegħu huma n-nies u l-ġebel, li tħejja għal dawk li ma jemmnux *(u jiċħdu s-sewwa)*.

وَبَشِّرِ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ أَنَّ لَهُمْ جَنَّٰتٍ
تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ ۖ كُلَّمَا رُزِقُوا۟ مِنْهَا مِن ثَمَرَةٍ
رِّزْقًا ۙ قَالُوا۟ هَٰذَا ٱلَّذِى رُزِقْنَا مِن قَبْلُ ۖ وَأُتُوا۟ بِهِۦ مُتَشَٰبِهًا ۖ
وَلَهُمْ فِيهَآ أَزْوَٰجٌ مُّطَهَّرَةٌ ۖ وَهُمْ فِيهَا خَٰلِدُونَ ﴿25﴾
ربع الحزب 1
۞ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يَسْتَحْىِۦٓ أَن يَضْرِبَ مَثَلًا مَّا بَعُوضَةً فَمَا
فَوْقَهَا ۚ فَأَمَّا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ فَيَعْلَمُونَ أَنَّهُ ٱلْحَقُّ مِن
رَّبِّهِمْ ۖ وَأَمَّا ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ فَيَقُولُونَ مَاذَآ أَرَادَ ٱللَّهُ
بِهَٰذَا مَثَلًا ۘ يُضِلُّ بِهِۦ كَثِيرًا وَيَهْدِى بِهِۦ كَثِيرًا ۚ
وَمَا يُضِلُّ بِهِۦٓ إِلَّا ٱلْفَٰسِقِينَ ﴿26﴾ ٱلَّذِينَ يَنقُضُونَ عَهْدَ
ٱللَّهِ مِنۢ بَعْدِ مِيثَٰقِهِۦ ۚ وَيَقْطَعُونَ مَآ أَمَرَ ٱللَّهُ بِهِۦٓ أَن يُوصَلَ
وَيُفْسِدُونَ فِى ٱلْأَرْضِ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْخَٰسِرُونَ ﴿27﴾
كَيْفَ تَكْفُرُونَ بِٱللَّهِ وَكُنتُمْ أَمْوَٰتًا فَأَحْيَٰكُمْ ۖ
ثُمَّ يُمِيتُكُمْ ثُمَّ يُحْيِيكُمْ ثُمَّ إِلَيْهِ تُرْجَعُونَ ﴿28﴾ هُوَ
ٱلَّذِى خَلَقَ لَكُم مَّا فِى ٱلْأَرْضِ جَمِيعًا ثُمَّ ٱسْتَوَىٰٓ إِلَى
ٱلسَّمَآءِ فَسَوَّىٰهُنَّ سَبْعَ سَمَٰوَٰتٍ ۚ وَهُوَ بِكُلِّ شَىْءٍ عَلِيمٌ ﴿29﴾

25. Agħti l-bxara t-tajba *(Muħammad)* lil dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba *(u ħabbrilhom)* li għalihom hemm Ġonna *(fl-Għeden)* bix-xmajjar jiġru taħthom. Kull meta jingħataw mill-frott tagħhom huma jgħidu: "Dan huwa li ngħatajna qabel," għaliex jingħatalhom ikel jixbhu. Hemm ikollhom nisa safjin, u jgħammru fil-Ġonna għal dejjem.

26. Alla ma jistħix ixebbah ma' nemusa, jew ma' xi ħaġa ikbar jew iżgħar minnha. Dawk li jemmnu jafu li huwa s-sewwa mingħand Sidhom, iżda dawk li ma jemmnux jgħidu: "Xi jrid *(jgħallem)* Alla b'din it-tixbiha?" Biha huwa jtellef it-triq lil ħafna, u lil ħafna oħrajn jurihom it-triq. Huwa ma jtellifx biha ħlief lill-ħżiena,

27. li jiksru r-rabta ta' Alla wara li kienu ntrabtu biha, jaqtgħu dak li Alla amar li għandu jingħaqad, u jagħmlu l-ħsara fl-art. Dawk huma t-telliefa.

28. Kif tiċħdu lil Alla, meta kontu mejtin u takom il-ħajja? Imbagħad jibagħtilkom il-mewt, u mbagħad jagħtikom il-ħajja, u wara terġgħu lura għandu *(fl-Aħħar Jum biex tagħtu kont ta' ħajjitkom)*.

29. Huwa ħalqilkom kulma jinsab fl-art, imbagħad dar lejn is-sema u għamel minnu seba' smewwiet. Huwa jaf b'kollox.

وَإِذْ قَالَ رَبُّكَ لِلْمَلَٰٓئِكَةِ إِنِّي جَاعِلٌ فِي ٱلْأَرْضِ خَلِيفَةً ۖ
قَالُوٓا۟ أَتَجْعَلُ فِيهَا مَن يُفْسِدُ فِيهَا وَيَسْفِكُ ٱلدِّمَآءَ وَنَحْنُ
نُسَبِّحُ بِحَمْدِكَ وَنُقَدِّسُ لَكَ ۖ قَالَ إِنِّيٓ أَعْلَمُ مَا لَا تَعْلَمُونَ
(30) وَعَلَّمَ ءَادَمَ ٱلْأَسْمَآءَ كُلَّهَا ثُمَّ عَرَضَهُمْ عَلَى ٱلْمَلَٰٓئِكَةِ
فَقَالَ أَنۢبِـُٔونِى بِأَسْمَآءِ هَٰٓؤُلَآءِ إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ (31) قَالُوا۟
سُبْحَٰنَكَ لَا عِلْمَ لَنَآ إِلَّا مَا عَلَّمْتَنَآ ۖ إِنَّكَ أَنتَ ٱلْعَلِيمُ ٱلْحَكِيمُ
(32) قَالَ يَٰٓـَٔادَمُ أَنۢبِئْهُم بِأَسْمَآئِهِمْ ۖ فَلَمَّآ أَنۢبَأَهُم بِأَسْمَآئِهِمْ قَالَ
أَلَمْ أَقُل لَّكُمْ إِنِّيٓ أَعْلَمُ غَيْبَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَأَعْلَمُ مَا
تُبْدُونَ وَمَا كُنتُمْ تَكْتُمُونَ (33) وَإِذْ قُلْنَا لِلْمَلَٰٓئِكَةِ ٱسْجُدُوا۟
لِـَٔادَمَ فَسَجَدُوٓا۟ إِلَّآ إِبْلِيسَ أَبَىٰ وَٱسْتَكْبَرَ وَكَانَ مِنَ ٱلْكَٰفِرِينَ
(34) وَقُلْنَا يَٰٓـَٔادَمُ ٱسْكُنْ أَنتَ وَزَوْجُكَ ٱلْجَنَّةَ وَكُلَا مِنْهَا رَغَدًا
حَيْثُ شِئْتُمَا ۖ وَلَا تَقْرَبَا هَٰذِهِ ٱلشَّجَرَةَ فَتَكُونَا مِنَ ٱلظَّٰلِمِينَ (35)
فَأَزَلَّهُمَا ٱلشَّيْطَٰنُ عَنْهَا فَأَخْرَجَهُمَا مِمَّا كَانَا فِيهِ ۖ وَقُلْنَا ٱهْبِطُوا۟
بَعْضُكُمْ لِبَعْضٍ عَدُوٌّ ۖ وَلَكُمْ فِى ٱلْأَرْضِ مُسْتَقَرٌّ وَمَتَٰعٌ إِلَىٰ حِينٍ (36)
فَتَلَقَّىٰٓ ءَادَمُ مِن رَّبِّهِۦ كَلِمَٰتٍ فَتَابَ عَلَيْهِ ۚ إِنَّهُۥ هُوَ ٱلتَّوَّابُ ٱلرَّحِيمُ (37)

30. *(Ftakar, Muħammad)* meta Sidek qal lill-anġli: "Jiena se nqiegħed fl-art suċċessur." Huma qalu: "Se tqiegħed fiha lil min jagħmlilha l-ħsara u jxerred id-dmija, filwaqt li aħna nfaħħru s-sebħ tiegħek u nqaddsulek?" Qal: "Jiena naf dak li intom ma tafux!"

31. U għallem lil Adam l-ismijiet kollha *(ta' kulma jinsab fil-ħolqien)*, imbagħad uriehom lill-anġli u qal*(ilhom)*: "Għiduli l-ismijiet ta' dawn *(il-ħlejjaq)*, jekk intom qegħdin tgħidu s-sewwa *(li jistħoqqilkom tkunu werrieta aktar minn Adam)*."

32. Qalu: "Sebħ lilek! Ma għandna ebda għerf għajr dak li Inti għallimtna. Inti tabilħaqq taf kollox, l-Għaref."

33. Huwa qal: "Ja Adam, għarrafhom b'ismijiethom." U meta għarrafhom b'ismijiethom, Huwa qal: "Mela ma għedtilkomx li Jiena naf il-mistur tas-smewwiet u ta' l-art, u naf b'dak li turu u b'dak li kontu taħbu *(meta ħsibtu li Alla ma huwiex se joħloq ħliqa aħjar minnkom)*?"

34. *(Ftakar, Muħammad)* meta għedna lill-anġli: "Inxteħtu quddiem Adam *(u agħtuh ġieħ)*!" Huma *(ilkoll)* inxteħtu, għajr Iblīs. Hu b'xejn ma ried, u tkabbar. Hu kien fost dawk li m'emmnux.

35. Aħna għedna: "Ja Adam, għammar inti u martek fil-Ġenna u kulu minnha kemm tixtiequ u minn fejn tridu, iżda la toqorbux lejn din is-siġra għaliex tkunu mal-ħżiena!"

36. Ix-Xitan *(imbagħad)* waqqagħhom minnha *(mill-Ġenna)* u ħariġhom minn dak *(l-hena)* li kienu fih. U għedna: "Inżlu 'l isfel *(ja Adam, Eva, u Iblīs)*, għedewwa ta' xulxin! L-art tkun l-għamara u t-tgawdija tagħkom għal xi żmien."

37. Adam laqa' kliem minn Sidu *(li għallmu kif jindem)*, u *(Alla)* dar lejh bil-maħfra. Huwa tabilħaqq idur Kollu Maħfra, il-Ħanin.

قُلْنَا اهْبِطُوا مِنْهَا جَمِيعًا ۖ فَإِمَّا يَأْتِيَنَّكُم مِّنِّي هُدًى فَمَن تَبِعَ
هُدَايَ فَلَا خَوْفٌ عَلَيْهِمْ وَلَا هُمْ يَحْزَنُونَ ﴿38﴾ وَالَّذِينَ كَفَرُوا
وَكَذَّبُوا بِآيَاتِنَا أُولَٰئِكَ أَصْحَابُ النَّارِ ۖ هُمْ فِيهَا خَالِدُونَ ﴿39﴾
يَا بَنِي إِسْرَائِيلَ اذْكُرُوا نِعْمَتِيَ الَّتِي أَنْعَمْتُ عَلَيْكُمْ وَأَوْفُوا بِعَهْدِي
أُوفِ بِعَهْدِكُمْ وَإِيَّايَ فَارْهَبُونِ ﴿40﴾ وَآمِنُوا بِمَا أَنْزَلْتُ
مُصَدِّقًا لِّمَا مَعَكُمْ وَلَا تَكُونُوا أَوَّلَ كَافِرٍ بِهِ ۖ وَلَا تَشْتَرُوا بِآيَاتِي
ثَمَنًا قَلِيلًا وَإِيَّايَ فَاتَّقُونِ ﴿41﴾ وَلَا تَلْبِسُوا الْحَقَّ بِالْبَاطِلِ
وَتَكْتُمُوا الْحَقَّ وَأَنتُمْ تَعْلَمُونَ ﴿42﴾ وَأَقِيمُوا الصَّلَاةَ وَآتُوا
الزَّكَاةَ وَارْكَعُوا مَعَ الرَّاكِعِينَ ﴿43﴾ ۞ أَتَأْمُرُونَ النَّاسَ بِالْبِرِّ
وَتَنسَوْنَ أَنفُسَكُمْ وَأَنتُمْ تَتْلُونَ الْكِتَابَ ۚ أَفَلَا تَعْقِلُونَ ﴿44﴾
وَاسْتَعِينُوا بِالصَّبْرِ وَالصَّلَاةِ ۚ وَإِنَّهَا لَكَبِيرَةٌ إِلَّا عَلَى الْخَاشِعِينَ
﴿45﴾ الَّذِينَ يَظُنُّونَ أَنَّهُم مُّلَاقُو رَبِّهِمْ وَأَنَّهُمْ إِلَيْهِ رَاجِعُونَ ﴿46﴾
يَا بَنِي إِسْرَائِيلَ اذْكُرُوا نِعْمَتِيَ الَّتِي أَنْعَمْتُ عَلَيْكُمْ وَأَنِّي فَضَّلْتُكُمْ
عَلَى الْعَالَمِينَ ﴿47﴾ وَاتَّقُوا يَوْمًا لَّا تَجْزِي نَفْسٌ عَن نَّفْسٍ شَيْئًا وَلَا
يُقْبَلُ مِنْهَا شَفَاعَةٌ وَلَا يُؤْخَذُ مِنْهَا عَدْلٌ وَلَا هُمْ يُنصَرُونَ ﴿48﴾

نصف الحزب 1

38. Aħna għedna: "Inżlu minnha lkoll *(Adam, Eva, u Iblīs)*! Tabilħaqq li meta tiġikom tmexxija tajba mingħandi, dawk li jimxu skond it-tmexxija tiegħi ma jkollhom ebda biża' fuqhom, u lanqas jitnikktu.

39. Iżda dawk li ma jemmnux u jgiddbu s-sinjali u r-Rivelazzjoni tagħna, huma jkunu nies in-Nar, u fih jgħammru għal dejjem."

40. Ja Wlied Israel, ftakru fil-grazzja tiegħi li xħett fuqkom, oqogħdu għal dak li wegħedtuni, u Jiena noqgħod għal dak li wegħedtkom. Minni biss ibżgħu!

41. Emmnu f'dak *(il-Qoran imqaddes)* li niżżilt, li jseddaq dak li diġà għandkom *(it-Torā)*, u la tkunux ma' l-ewwel nies li jiċħduh, lanqas ma tbigħu r-Rivelazzjoni tiegħi bi prezz irħis, u minni ibżgħu!

42. La tlibbsux is-sewwa bil-qerq, u la taħbux is-sewwa meta intom tafu *(tajjeb x'inhu)*.

43. Agħmlu t-talb, agħtu l-karità, u milu *(bil-qima)* ma' dawk li jmilu.[27]

44. Jaqaw *(ja rabbini Lhud)* intom tamru lin-nies it-tjieba iżda tinsew lilkom infuskom, għad li taqraw il-Ktieb *(it-Torā)*? Mela ma tifhmux?

45. Fittxu l-għajnuna fis-sabar u t-talb; *(din)* hija tabilħaqq *(ħaġa)* tqila, ħlief għall-umli,

46. li jemmnu li għad jiltaqgħu ma' Sidhom, u li għad jerġgħu lura għandu.

47. Ja Wlied Israel, ftakru fil-grazzja tiegħi li xħett fuqkom, u li *(dak iż-żmien)* kont ippreferejtkom mill-ħlejjaq *(l-oħra)*.

48. Ibżgħu minn Jum *(il-Ħaqq)* meta ruħ ma tħallasx għal ruħ oħra, ma tintlaqax minnha interċessjoni *(għal dawk li ma jemmnux)*, u lanqas tittieħed minnha ebda fidwa. *(Dakinhar dawk l-erwieħ ħżiena)* ma jkunux megħjuna.

---

[27] Il-frażi *agħtu l-karità* tirreferi sew għaż-*żakāt* (it-tielet pilastru ta' l-Islam – ara t-Tagħrif Ġenerali), kif ukoll għal għamliet oħra ta' karità.

وَإِذْ نَجَّيْنَٰكُم مِّنْ ءَالِ فِرْعَوْنَ يَسُومُونَكُمْ سُوٓءَ ٱلْعَذَابِ
يُذَبِّحُونَ أَبْنَآءَكُمْ وَيَسْتَحْيُونَ نِسَآءَكُمْ ۚ وَفِى ذَٰلِكُم بَلَآءٌ
مِّن رَّبِّكُمْ عَظِيمٌ ﴿49﴾ وَإِذْ فَرَقْنَا بِكُمُ ٱلْبَحْرَ فَأَنجَيْنَٰكُمْ
وَأَغْرَقْنَآ ءَالَ فِرْعَوْنَ وَأَنتُمْ تَنظُرُونَ ﴿50﴾ وَإِذْ وَٰعَدْنَا مُوسَىٰٓ
أَرْبَعِينَ لَيْلَةً ثُمَّ ٱتَّخَذْتُمُ ٱلْعِجْلَ مِنۢ بَعْدِهِۦ وَأَنتُمْ ظَٰلِمُونَ
﴿51﴾ ثُمَّ عَفَوْنَا عَنكُم مِّنۢ بَعْدِ ذَٰلِكَ لَعَلَّكُمْ تَشْكُرُونَ ﴿52﴾
وَإِذْ ءَاتَيْنَا مُوسَى ٱلْكِتَٰبَ وَٱلْفُرْقَانَ لَعَلَّكُمْ تَهْتَدُونَ ﴿53﴾
وَإِذْ قَالَ مُوسَىٰ لِقَوْمِهِۦ يَٰقَوْمِ إِنَّكُمْ ظَلَمْتُمْ أَنفُسَكُم
بِٱتِّخَاذِكُمُ ٱلْعِجْلَ فَتُوبُوٓا۟ إِلَىٰ بَارِئِكُمْ فَٱقْتُلُوٓا۟ أَنفُسَكُمْ ذَٰلِكُمْ
خَيْرٌ لَّكُمْ عِندَ بَارِئِكُمْ فَتَابَ عَلَيْكُمْ ۚ إِنَّهُۥ هُوَ ٱلتَّوَّابُ ٱلرَّحِيمُ
﴿54﴾ وَإِذْ قُلْتُمْ يَٰمُوسَىٰ لَن نُّؤْمِنَ لَكَ حَتَّىٰ نَرَى ٱللَّهَ جَهْرَةً
فَأَخَذَتْكُمُ ٱلصَّٰعِقَةُ وَأَنتُمْ تَنظُرُونَ ﴿55﴾ ثُمَّ بَعَثْنَٰكُم مِّنۢ
بَعْدِ مَوْتِكُمْ لَعَلَّكُمْ تَشْكُرُونَ ﴿56﴾ وَظَلَّلْنَا عَلَيْكُمُ
ٱلْغَمَامَ وَأَنزَلْنَا عَلَيْكُمُ ٱلْمَنَّ وَٱلسَّلْوَىٰ ۖ كُلُوا۟ مِن طَيِّبَٰتِ مَا
رَزَقْنَٰكُمْ ۖ وَمَا ظَلَمُونَا وَلَٰكِن كَانُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ يَظْلِمُونَ ﴿57﴾

49. *(Ftakru)* meta ħlisniekom minn nies il-Fargħun, li kienu jgħaddukom mill-agħar tbatija, ibiċċru lil uliedkom filwaqt li jħallu lin-nisa tagħkom ħajjin. F'dan kien hemm tiġrib kbir minn Sidkom.

50. U *(ftakru)* meta froqna l-baħar bikom u ħlisniekom, u gherriqna nies il-Fargħun quddiem għajnejkom.

51. *(Ftakru wkoll)* meta wegħedna lil Mosè *(li nagħtuh it-Torā fi żmien)* erbgħin lejla, imbagħad minn warajh, għażiltu l-għoġol *(u nxtħettu tqimu lilu flok lil Alla)*, u *(b'hekk)* kontu ħżiena.

52. Imbagħad wara dan ħfirnielkom, biex forsi tiżżu ħajr.

53. U *(ftakru)* meta tajna lil Mosè l-Ktieb *(it-Torā)* u l-Qjies *(li jifred it-tajjeb mill-ħażin)*, biex forsi timxu fit-triq it-tajba.

54. U meta Mosè qal lil niesu: "Ja niesi, intom inqastu lejkom infuskom meta ħadtu l-għoġol *(għall-qima tagħkom)*. Mela duru, bi ndiema, lejn il-Ħallieq tagħkom u oqtlu *(lill-ħżiena fostkom)* intom infuskom! Dan ikun aħjar għalikom quddiem il-Ħallieq tagħkom." U dar bil-maħfra lejkom, *(għaliex)* Huwa tabilħaqq idur Kollu Maħfra, il-Ħanin.

55. U *(ftakru)* meta għedtu: "Ja Mosè, m'aħniex se nemmnu fik qabel ma naraw lil Alla fid-dieher." U s-sajjetta ħaditkom *(għal għarrieda)* waqt li kontu tħarsu.

56. Imbagħad qajjimniekom, wara mewtkom, biex forsi tiżżu ħajr.

57. U waqqajna d-dell fuqkom bis-sħab, u niżżilna fuqkom il-manna u s-summien, *(u għednielkom)*: "Kulu mill-ħwejjeġ tajba li tajniekom." *(Madanakollu huma ħaduha kontrina, imma)* ma naqsux lejna, iżda kienu qegħdin jonqsu lejhom infushom.

وَإِذْ قُلْنَا ٱدْخُلُوا۟ هَٰذِهِ ٱلْقَرْيَةَ فَكُلُوا۟ مِنْهَا حَيْثُ شِئْتُمْ رَغَدًا
وَٱدْخُلُوا۟ ٱلْبَابَ سُجَّدًا وَقُولُوا۟ حِطَّةٌ نَّغْفِرْ لَكُمْ خَطَٰيَٰكُمْ
وَسَنَزِيدُ ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿58﴾ فَبَدَّلَ ٱلَّذِينَ ظَلَمُوا۟ قَوْلًا
غَيْرَ ٱلَّذِى قِيلَ لَهُمْ فَأَنزَلْنَا عَلَى ٱلَّذِينَ ظَلَمُوا۟ رِجْزًا مِّنَ
ٱلسَّمَآءِ بِمَا كَانُوا۟ يَفْسُقُونَ ﴿59﴾ ۞ وَإِذِ ٱسْتَسْقَىٰ مُوسَىٰ
لِقَوْمِهِۦ فَقُلْنَا ٱضْرِب بِّعَصَاكَ ٱلْحَجَرَ ۖ فَٱنفَجَرَتْ مِنْهُ
ٱثْنَتَا عَشْرَةَ عَيْنًا ۖ قَدْ عَلِمَ كُلُّ أُنَاسٍ مَّشْرَبَهُمْ ۖ كُلُوا۟
وَٱشْرَبُوا۟ مِن رِّزْقِ ٱللَّهِ وَلَا تَعْثَوْا۟ فِى ٱلْأَرْضِ مُفْسِدِينَ ﴿60﴾
وَإِذْ قُلْتُمْ يَٰمُوسَىٰ لَن نَّصْبِرَ عَلَىٰ طَعَامٍ وَٰحِدٍ فَٱدْعُ لَنَا رَبَّكَ
يُخْرِجْ لَنَا مِمَّا تُنۢبِتُ ٱلْأَرْضُ مِنۢ بَقْلِهَا وَقِثَّآئِهَا وَفُومِهَا
وَعَدَسِهَا وَبَصَلِهَا ۖ قَالَ أَتَسْتَبْدِلُونَ ٱلَّذِى هُوَ أَدْنَىٰ
بِٱلَّذِى هُوَ خَيْرٌ ۚ ٱهْبِطُوا۟ مِصْرًا فَإِنَّ لَكُم مَّا سَأَلْتُمْ ۗ
وَضُرِبَتْ عَلَيْهِمُ ٱلذِّلَّةُ وَٱلْمَسْكَنَةُ وَبَآءُو بِغَضَبٍ مِّنَ
ٱللَّهِ ۗ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمْ كَانُوا۟ يَكْفُرُونَ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ وَيَقْتُلُونَ
ٱلنَّبِيِّـۧنَ بِغَيْرِ ٱلْحَقِّ ۗ ذَٰلِكَ بِمَا عَصَوا۟ وَّكَانُوا۟ يَعْتَدُونَ ﴿61﴾

ثلاثة أرباع الحزب 1

58. U meta għedna: "Idħlu f'din il-belt *(ta' Ġerusalemm)* u kulu minnha, minn fejn u kemm tixtiequ. Idħlu mill-bieb, mixħutin fl-art *(b'turija ta' radd il-ħajr lil Alla)*, u għidu: 'Il-Maħfra!' Aħna se naħfrulkom ħtijietkom u se nżidu *(sehem)* dawk li jagħmlu t-tajjeb."

59. U dawk li għamlu l-ħażen biddlu *(Kliem Alla)* bi kliem li ma kienx dak li ntqalilhom. Għalhekk fuq dawk li għamlu l-ħażen niżżilna kastig mis-sema, tal-ħażen li kienu jagħmlu.

60. *(Ftakru wkoll)* meta Mosè talab l-ilma għal niesu. Aħna għedna *(lil Mosè)*: "Olqot il-blata bil-ħatar tiegħek!" Minnha ħarġu jgelglu tnax-il għajn. Kull ġemgħa kienet taf minn fejn tixrob. *(U għedna)*: "Kulu u ixorbu mill-ġid ta' Alla, u la tagħmlux ħażen fl-art bil-ħsara tagħkom!"

61. U meta għedtu: "Ja Mosè, mhux se jkollna sabar *(inżommu)* fuq ikel wieħed. Mela itlob lil Sidek għalina biex joħorġilna minn dak li tnibbet l-art: il-ħaxix, il-ħjar, it-tewm, l-għads u l-basal tagħha!" Huwa qal: "Jaqaw tridu tibdlu dak li huwa aħjar ma' dak li hu inqas tajjeb? Inżlu f'kull belt u ssibu li tlabtu." It-tkasbir u l-għaks waqgħu fuqhom, u ġibdu fuqhom għadab minn Alla talli kienu jiċħdu s-sinjali u r-Rivelazzjoni ta' Alla, u kienu joqtlu lill-Profeti mingħajr ħaqq. Dan għaliex m'obdewx *(lil Alla)* u kienu jagħmlu l-ħażen.

إِنَّ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَٱلَّذِينَ هَادُوا۟ وَٱلنَّصَٰرَىٰ وَٱلصَّٰبِـِٔينَ
مَنْ ءَامَنَ بِٱللَّهِ وَٱلْيَوْمِ ٱلْـَٔاخِرِ وَعَمِلَ صَٰلِحًا فَلَهُمْ أَجْرُهُمْ
عِندَ رَبِّهِمْ وَلَا خَوْفٌ عَلَيْهِمْ وَلَا هُمْ يَحْزَنُونَ ﴿62﴾ وَإِذْ
أَخَذْنَا مِيثَٰقَكُمْ وَرَفَعْنَا فَوْقَكُمُ ٱلطُّورَ خُذُوا۟ مَآ ءَاتَيْنَٰكُم
بِقُوَّةٍ وَٱذْكُرُوا۟ مَا فِيهِ لَعَلَّكُمْ تَتَّقُونَ ﴿63﴾ ثُمَّ تَوَلَّيْتُم مِّنۢ
بَعْدِ ذَٰلِكَ ۖ فَلَوْلَا فَضْلُ ٱللَّهِ عَلَيْكُمْ وَرَحْمَتُهُۥ لَكُنتُم مِّنَ
ٱلْخَٰسِرِينَ ﴿64﴾ وَلَقَدْ عَلِمْتُمُ ٱلَّذِينَ ٱعْتَدَوْا۟ مِنكُمْ فِى ٱلسَّبْتِ
فَقُلْنَا لَهُمْ كُونُوا۟ قِرَدَةً خَٰسِـِٔينَ ﴿65﴾ فَجَعَلْنَٰهَا نَكَٰلًا لِّمَا
بَيْنَ يَدَيْهَا وَمَا خَلْفَهَا وَمَوْعِظَةً لِّلْمُتَّقِينَ ﴿66﴾ وَإِذْ قَالَ
مُوسَىٰ لِقَوْمِهِۦٓ إِنَّ ٱللَّهَ يَأْمُرُكُمْ أَن تَذْبَحُوا۟ بَقَرَةً ۖ قَالُوٓا۟ أَتَتَّخِذُنَا
هُزُوًا ۖ قَالَ أَعُوذُ بِٱللَّهِ أَنْ أَكُونَ مِنَ ٱلْجَٰهِلِينَ ﴿67﴾ قَالُوا۟
ٱدْعُ لَنَا رَبَّكَ يُبَيِّن لَّنَا مَا هِىَ ۚ قَالَ إِنَّهُۥ يَقُولُ إِنَّهَا بَقَرَةٌ لَّا فَارِضٌ
وَلَا بِكْرٌ عَوَانٌۢ بَيْنَ ذَٰلِكَ ۖ فَٱفْعَلُوا۟ مَا تُؤْمَرُونَ ﴿68﴾
قَالُوا۟ ٱدْعُ لَنَا رَبَّكَ يُبَيِّن لَّنَا مَا لَوْنُهَا ۚ قَالَ إِنَّهُۥ يَقُولُ
إِنَّهَا بَقَرَةٌ صَفْرَآءُ فَاقِعٌ لَّوْنُهَا تَسُرُّ ٱلنَّٰظِرِينَ ﴿69﴾

62. Tabilħaqq li dawk li emmnu *(il-Misilmin)*, il-Lhud, l-Insara u s-Sabijin,[28] kulmin jemmen f'Alla u fl-Aħħar Jum, u jagħmel il-ġid, għandhom ħlashom għand Sidhom. Ebda biża' ma hemm fuqhom, u lanqas jitnikktu.

63. *(Ftakru, ja Wlied Israel)* meta dħalna f'rabta magħkom u għollejna fuqkom il-muntanja *(Sinaj u għednielkom)*: "Żommu bil-qawwa ma' dak li tajniekom u ftakru f'li fih, biex forsi tibżgħu minn Alla."

64. Imbagħad wara dan tajtu daharkom *(u ma tajtux widen)*, u li ma kienx għat-tjieba u l-ħniena ta' Alla fuqkom, kontu tkunu mit-telliefa.

65. Intom tassew tafu *(x'ġara)* lil dawk fostkom li kisru s-Sibt. Aħna għednielhom: "Kunu xadini mkasbra!"

66. Dan *(il-kastig)* għamilnieh eżempju *(b'tagħlima)* għal dawk ta' żmienhom u għal ta' warajhom, u twissija lil dawk li jibżgħu minn Alla.

67. U *(ftakru)* meta Mosè qal lil niesu: "Tassew Alla jamrilkom toqtlu baqra." Huma qalu: "Jaqaw trid twaqqagħna għaċ-ċajt?" Qal: "Alla ħares inkun mill-injuranti."

68. Huma qalu: "Itlob lil Sidek għalina biex jurina biċ-ċar x'inhi!" Qal*(ilhom Mosè)*: "Huwa tabilħaqq jgħid *(hekk)*: Hija baqra li la tkun xiħa u lanqas żgħira, iżda bejniethom. Għalhekk agħmlu kif intom ordnati."

69. Huma qalu: "Itlob lil Sidek għalina biex jurina biċ-ċar il-lewn tagħha!" Qal*(ilhom Mosè)*: "Huwa tabilħaqq jgħid *(hekk)*: Hija baqra ta' lewn isfar jgħajjat, tgħaxxaq lil dawk li jħarsu *(lejha)*."

---

[28] Dan kien ġens li telaq il-paganiżmu u reġa' lura għat-twemmin f'Alla Wieħed ta' Abraham (s.f.). Dan seħħ ħafna sekli qabel il-missjoni profetika ta' Muhammad (s.f.). Ara t-Tagħrif Ġenerali.

قَالُوا ادْعُ لَنَا رَبَّكَ يُبَيِّن لَّنَا مَا هِيَ إِنَّ الْبَقَرَ تَشَابَهَ عَلَيْنَا وَإِنَّا
إِن شَاءَ اللَّهُ لَمُهْتَدُونَ ﴿70﴾ قَالَ إِنَّهُ يَقُولُ إِنَّهَا بَقَرَةٌ لَّا ذَلُولٌ
تُثِيرُ الْأَرْضَ وَلَا تَسْقِي الْحَرْثَ مُسَلَّمَةٌ لَّا شِيَةَ فِيهَا قَالُوا
الْآنَ جِئْتَ بِالْحَقِّ فَذَبَحُوهَا وَمَا كَادُوا يَفْعَلُونَ ﴿71﴾ وَإِذْ
قَتَلْتُمْ نَفْسًا فَادَّارَأْتُمْ فِيهَا وَاللَّهُ مُخْرِجٌ مَّا كُنتُمْ تَكْتُمُونَ ﴿72﴾
فَقُلْنَا اضْرِبُوهُ بِبَعْضِهَا كَذَٰلِكَ يُحْيِي اللَّهُ الْمَوْتَىٰ وَيُرِيكُمْ
آيَاتِهِ لَعَلَّكُمْ تَعْقِلُونَ ﴿73﴾ ثُمَّ قَسَتْ قُلُوبُكُم مِّن بَعْدِ ذَٰلِكَ
فَهِيَ كَالْحِجَارَةِ أَوْ أَشَدُّ قَسْوَةً وَإِنَّ مِنَ الْحِجَارَةِ لَمَا يَتَفَجَّرُ
مِنْهُ الْأَنْهَارُ وَإِنَّ مِنْهَا لَمَا يَشَّقَّقُ فَيَخْرُجُ مِنْهُ الْمَاءُ وَإِنَّ
مِنْهَا لَمَا يَهْبِطُ مِنْ خَشْيَةِ اللَّهِ وَمَا اللَّهُ بِغَافِلٍ عَمَّا تَعْمَلُونَ
﴿74﴾ أَفَتَطْمَعُونَ أَن يُؤْمِنُوا لَكُمْ وَقَدْ كَانَ فَرِيقٌ مِّنْهُمْ
يَسْمَعُونَ كَلَامَ اللَّهِ ثُمَّ يُحَرِّفُونَهُ مِن بَعْدِ مَا عَقَلُوهُ
وَهُمْ يَعْلَمُونَ ﴿75﴾ وَإِذَا لَقُوا الَّذِينَ آمَنُوا قَالُوا آمَنَّا
وَإِذَا خَلَا بَعْضُهُمْ إِلَىٰ بَعْضٍ قَالُوا أَتُحَدِّثُونَهُم بِمَا فَتَحَ
اللَّهُ عَلَيْكُمْ لِيُحَاجُّوكُم بِهِ عِندَ رَبِّكُمْ أَفَلَا تَعْقِلُونَ ﴿76﴾

الحزب 2

70. Huma qalu: "Itlob lil Sidek għalina biex jurina biċ-ċar x'inhi! Tabilħaqq li għalina l-baqar kollu jixxiebah. Jekk Alla jrid, inkunu mmexxija fis-sewwa."

71. Qal*(ilhom Mosè)*: "Huwa tabilħaqq jgħid: Hija baqra li ma hijiex imdorrija taħrat l-art, u lanqas tisqi r-raba'; shiħa u *(il-ġilda tagħha)* bla tebgħa." Huma qalu: "Inti issa ġejt bis-sewwa!" U *(fl-aħħar)* qatluha, għalkemm fuq qalbhom.

72. U *(ftakru)* meta qtiltu bniedem u tlewwimtu dwar *(min kien ħati ta' dan il-qtil)*. Iżda Alla ħareġ fil-berah dak li kontu qegħdin taħbu.

73. U għedna: "Olqtuh b'biċċa minnha!" Hekk Alla jagħti l-ħajja lill-mejtin, u jurikom is-sinjali tiegħu forsi *(fl-aħħar)* tifhmu.

74. Wara dan *(is-sinjal ta' l-għaġeb)* qlubkom ibbiesu u saru bħall-ġebel, jew aktar fl-ebusija. Għaliex hemm xi ġebel li minnu jgelglu x-xmajjar, ġebel ieħor jixxaqqaq u joħroġ l-ilma minnu, u *(ġebel)* ieħor li tabilħaqq jaqa' *(minn fuq il-muntanji)* bil-biża' ta' Alla. Alla ma jaqbiżlu xejn minn dak li tagħmlu.

75. Jaqaw *(intom li emmintu)* tittamaw li *(il-Lhud)* jemmnu bħalkom, meta ġemgħa minnhom kienet tisma' Kliem Alla *(fit-Torā)* u mbagħad kienet tgħawġu wara li fehmitu u kienet taf *(x'qiegħda tagħmel)*?

76. U meta *(il-Lhud ta' wiċċ b'ieħor kienu)* jiltaqgħu ma' dawk li jemmnu *(il-Misilmin, kienu)* jgħidu: "Emminna!" Iżda meta jkunu waħidhom, bejniethom jgħidu: "Jaqaw se tgħarrfuhom *(lill-Misilmin)* b'dak li Alla wriekom *(fit-Torā dwar Muħammad)* biex *(imbagħad)* iħaqquha magħkom dwaru quddiem Sidkom? Mela ma għandkomx għaqal *(biex tifhmu)*?"

أَوَلَا يَعْلَمُونَ أَنَّ ٱللَّهَ يَعْلَمُ مَا يُسِرُّونَ وَمَا يُعْلِنُونَ ﴿77﴾
وَمِنْهُمْ أُمِّيُّونَ لَا يَعْلَمُونَ ٱلْكِتَٰبَ إِلَّآ أَمَانِيَّ وَإِنْ هُمْ
إِلَّا يَظُنُّونَ ﴿78﴾ فَوَيْلٌ لِّلَّذِينَ يَكْتُبُونَ ٱلْكِتَٰبَ بِأَيْدِيهِمْ
ثُمَّ يَقُولُونَ هَٰذَا مِنْ عِندِ ٱللَّهِ لِيَشْتَرُوا۟ بِهِۦ ثَمَنًا قَلِيلًا ۖ
فَوَيْلٌ لَّهُم مِّمَّا كَتَبَتْ أَيْدِيهِمْ وَوَيْلٌ لَّهُم مِّمَّا يَكْسِبُونَ
﴿79﴾ وَقَالُوا۟ لَن تَمَسَّنَا ٱلنَّارُ إِلَّآ أَيَّامًا مَّعْدُودَةً ۚ قُلْ
أَتَّخَذْتُمْ عِندَ ٱللَّهِ عَهْدًا فَلَن يُخْلِفَ ٱللَّهُ عَهْدَهُۥٓ ۖ أَمْ تَقُولُونَ
عَلَى ٱللَّهِ مَا لَا تَعْلَمُونَ ﴿80﴾ بَلَىٰ مَن كَسَبَ سَيِّئَةً
وَأَحَٰطَتْ بِهِۦ خَطِيٓـَٔتُهُۥ فَأُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلنَّارِ ۖ هُمْ
فِيهَا خَٰلِدُونَ ﴿81﴾ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ
أُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلْجَنَّةِ ۖ هُمْ فِيهَا خَٰلِدُونَ ﴿82﴾ وَإِذْ
أَخَذْنَا مِيثَٰقَ بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ لَا تَعْبُدُونَ إِلَّا ٱللَّهَ وَبِٱلْوَٰلِدَيْنِ
إِحْسَانًا وَذِى ٱلْقُرْبَىٰ وَٱلْيَتَٰمَىٰ وَٱلْمَسَٰكِينِ وَقُولُوا۟
لِلنَّاسِ حُسْنًا وَأَقِيمُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ وَءَاتُوا۟ ٱلزَّكَوٰةَ ثُمَّ
تَوَلَّيْتُمْ إِلَّا قَلِيلًا مِّنكُمْ وَأَنتُم مُّعْرِضُونَ ﴿83﴾

77. Mela dawn ma jafux li Alla jaf b'dak li jaħbu u b'dak li jikxfu?

78. Fosthom hemm dawk bla tagħlim, li ma jafux dwar il-Ktieb *(it-Torā)* ħlief dak li jixtiequ huma, u ma humiex ħlief jistħajlu.

79. Ħażin għal dawk li jiktbu l-ktieb b'idejhom u mbagħad jgħidu: "Dan mingħand Alla," biex ibigħuh bi prezz irħis. Ħażin għalihom ta' dak li kitbu idejhom, u ħażin għalihom ta' dak li jiksbu *(minn dan ix-xogħol qarrieq)*.

80. U qalu *(il-Lhud)*: "In-Nar ma huwiex se jmissna għajr għal xi jiem magħduda." Għid*(ilhom Muħammad)*: "Jaqaw ħadtu xi wegħda mingħand Alla? Alla ma huwiex se jikser il-wegħda tiegħu! Jew qegħdin tgħidu dwar Alla dak li ma tafux?"

81. Le *(mhux kif qegħdin jgħidu)*! Min jikseb il-ħażen, u l-ħtija tiegħu tagħlaq madwaru *(u ma jibqax fit-triq tas-salvazzjoni)* – dawk huma nies in-Nar, u fih jgħammru għal dejjem.

82. U dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba, dawk huma nies il-Ġenna, u fiha jgħammru għal dejjem.

83. *(Ftakru)* meta dħalna f'rabta ma' Wlied Israel *(u għednielhom)*: "La tqimux għajr lil Alla, u uru tjubija mal-ġenituri, mal-qraba, ma' l-iltiema u mal-fqar, u kellmu tajjeb lin-nies, agħmlu t-talb u agħtu l-karità!" Imbagħad tajtu daharkom, ħlief għal ftit minnkom, u ma tajtux widen.

وَإِذْ أَخَذْنَا مِيثَٰقَكُمْ لَا تَسْفِكُونَ دِمَآءَكُمْ وَلَا تُخْرِجُونَ
أَنفُسَكُم مِّن دِيَٰرِكُمْ ثُمَّ أَقْرَرْتُمْ وَأَنتُمْ تَشْهَدُونَ ﴿84﴾
ثُمَّ أَنتُمْ هَٰٓؤُلَآءِ تَقْتُلُونَ أَنفُسَكُمْ وَتُخْرِجُونَ فَرِيقًا
مِّنكُم مِّن دِيَٰرِهِمْ تَظَٰهَرُونَ عَلَيْهِم بِٱلْإِثْمِ وَٱلْعُدْوَٰنِ
وَإِن يَأْتُوكُمْ أُسَٰرَىٰ تُفَٰدُوهُمْ وَهُوَ مُحَرَّمٌ عَلَيْكُمْ
إِخْرَاجُهُمْ ۚ أَفَتُؤْمِنُونَ بِبَعْضِ ٱلْكِتَٰبِ وَتَكْفُرُونَ
بِبَعْضٍ ۚ فَمَا جَزَآءُ مَن يَفْعَلُ ذَٰلِكَ مِنكُمْ إِلَّا خِزْىٌ
فِى ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا ۖ وَيَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ يُرَدُّونَ إِلَىٰٓ أَشَدِّ ٱلْعَذَابِ ۗ
وَمَا ٱللَّهُ بِغَٰفِلٍ عَمَّا تَعْمَلُونَ ﴿85﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ ٱشْتَرَوُا۟
ٱلْحَيَوٰةَ ٱلدُّنْيَا بِٱلْءَاخِرَةِ ۖ فَلَا يُخَفَّفُ عَنْهُمُ ٱلْعَذَابُ وَلَا هُمْ
يُنصَرُونَ ﴿86﴾ وَلَقَدْ ءَاتَيْنَا مُوسَى ٱلْكِتَٰبَ وَقَفَّيْنَا مِنۢ
بَعْدِهِۦ بِٱلرُّسُلِ ۖ وَءَاتَيْنَا عِيسَى ٱبْنَ مَرْيَمَ ٱلْبَيِّنَٰتِ وَأَيَّدْنَٰهُ
بِرُوحِ ٱلْقُدُسِ ۗ أَفَكُلَّمَا جَآءَكُمْ رَسُولٌۢ بِمَا لَا تَهْوَىٰٓ أَنفُسُكُمُ
ٱسْتَكْبَرْتُمْ فَفَرِيقًا كَذَّبْتُمْ وَفَرِيقًا تَقْتُلُونَ ﴿87﴾ وَقَالُوا۟
قُلُوبُنَا غُلْفٌۢ ۚ بَل لَّعَنَهُمُ ٱللَّهُ بِكُفْرِهِمْ فَقَلِيلًا مَّا يُؤْمِنُونَ ﴿88﴾

84. U *(ftakru)* meta dħalna f'rabta magħkom *(u għednielkom)*: "La xxerrdux demmkom, u la toħorġux lil xulxin minn djarkom," imbagħad qbiltu *(ma' dan l-amar)*, u intom tixhdu *(għal dan)*.

85. Imbagħad *(minkejja l-wegħda tagħkom)* intom toqtlu lil xulxin, u toħorġu minn djarhom lil ġemgħa minn fostkom, *(filwaqt li)* tgħinu lil *(ħaddieħor)* kontrihom bil-ħtija u bl-aggressjoni. U meta jiġu għandkom bħala lsiera, intom tifduhom, għalkemm ma jiswiex li toħorġuhom *(minn djarhom)*. Jaqaw intom temmnu biss f'taqsima mill-Ktieb u ma temmnux f'taqsima *(oħra)*? U xi jkun il-ħlas għal dawk fostkom li jagħmlu hekk, jekk mhux għajb f'din il-ħajja, u f'Jum il-Qawmien jintbagħtu għall-eqqel kastig? Alla ma jaqbiżlu xejn minn dak li tagħmlu.

86. Dawk huma li jixtru l-ħajja ta' din id-dinja bi *(prezz)* il-Ħajja l-Oħra. Ma huwiex se jitħaffilhom il-kastig, u lanqas ikunu megħjunin.

87. Aħna tassew tajna lil Mosè l-Ktieb *(it-Torā)* u warajh bgħatna *(għadd ta')* Mibgħutin. Lil Ġesù bin Marija tajnieh sinjali ċari u qawwejnieh b'ruħ il-qodos *(l-anġlu Gabrijel)*. Jaqaw kull darba li jiġikom Mibgħut b'dak li ma tixtiqux, toqogħdu titkabbru, u lil uħud minnhom *(mill-Mibgħutin)* tgiddbuhom, u lil oħrajn toqtluhom?

88. *(Il-Lhud)* qalu: "Qlubna *(mimlija bl-għerf u)* magħluqa." Iżda Alla seħethom għaliex m'emmnux. Ftit huwa twemminhom.

وَلَمَّا جَآءَهُمْ كِتَٰبٌ مِّنْ عِندِ ٱللَّهِ مُصَدِّقٌ لِّمَا مَعَهُمْ وَكَانُوا۟
مِن قَبْلُ يَسْتَفْتِحُونَ عَلَى ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ فَلَمَّا جَآءَهُم
مَّا عَرَفُوا۟ كَفَرُوا۟ بِهِۦ ۚ فَلَعْنَةُ ٱللَّهِ عَلَى ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿89﴾
بِئْسَمَا ٱشْتَرَوْا۟ بِهِۦٓ أَنفُسَهُمْ أَن يَكْفُرُوا۟ بِمَآ أَنزَلَ
ٱللَّهُ بَغْيًا أَن يُنَزِّلَ ٱللَّهُ مِن فَضْلِهِۦ عَلَىٰ مَن يَشَآءُ مِنْ عِبَادِهِۦ ۖ
فَبَآءُو بِغَضَبٍ عَلَىٰ غَضَبٍ ۚ وَلِلْكَٰفِرِينَ عَذَابٌ مُّهِينٌ
﴿90﴾ وَإِذَا قِيلَ لَهُمْ ءَامِنُوا۟ بِمَآ أَنزَلَ ٱللَّهُ قَالُوا۟ نُؤْمِنُ بِمَآ
أُنزِلَ عَلَيْنَا وَيَكْفُرُونَ بِمَا وَرَآءَهُۥ وَهُوَ ٱلْحَقُّ مُصَدِّقًا
لِّمَا مَعَهُمْ ۗ قُلْ فَلِمَ تَقْتُلُونَ أَنۢبِيَآءَ ٱللَّهِ مِن قَبْلُ إِن كُنتُم
مُّؤْمِنِينَ ﴿91﴾ ۞ وَلَقَدْ جَآءَكُم مُّوسَىٰ بِٱلْبَيِّنَٰتِ
ثُمَّ ٱتَّخَذْتُمُ ٱلْعِجْلَ مِنۢ بَعْدِهِۦ وَأَنتُمْ ظَٰلِمُونَ ﴿92﴾
وَإِذْ أَخَذْنَا مِيثَٰقَكُمْ وَرَفَعْنَا فَوْقَكُمُ ٱلطُّورَ خُذُوا۟
مَآ ءَاتَيْنَٰكُم بِقُوَّةٍ وَٱسْمَعُوا۟ ۖ قَالُوا۟ سَمِعْنَا وَعَصَيْنَا
وَأُشْرِبُوا۟ فِى قُلُوبِهِمُ ٱلْعِجْلَ بِكُفْرِهِمْ ۚ قُلْ
بِئْسَمَا يَأْمُرُكُم بِهِۦٓ إِيمَٰنُكُمْ إِن كُنتُم مُّؤْمِنِينَ ﴿93﴾

ربع الحزب 2

89. U meta ġiehom Ktieb mingħand Alla *(il-Qoran)* li jseddaq dak li diġà għandhom *(it-Torā)* – għalkemm qabel kienu jitolbu r-rebħa fuq dawk li m'emmnux – meta ġiehom dak li kienu jafu *(li kien is-sewwa, jiġifieri Muħammad)*, huma m'emmnuhx. Mela s-saħta ta' Alla fuq dawk li m'emmnux!

90. Ta' għajb *(il-prezz)* li bih biegħu l-erwieħ tagħhom: li jiċħdu dak li Alla niżżel *(il-Qoran, għaliex)* fl-għira *(tagħhom ma felħux jaraw)* li Alla jniżżel mill-grazzja tiegħu *(il-Ktieb)* fuq min irid mill-qaddejja tiegħu. Għalhekk ġibdu fuqhom għadab fuq għadab, u għal dawk li m'emmnux hemm kastig ta' tkasbir.

91. U meta jingħad lilhom: "Emmnu f'dak li Alla niżżel *(il-Qoran)*," huma jgħidu: "Nemmnu f'dak li tniżżel lilna *(it-Torā)*." Iżda huma jiċħdu dak li tniżżel warajh, minkejja li huwa s-sewwa li jseddaq dak li *(diġà)* għandhom. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Mela għaliex qtiltu lill-Profeti ta' Alla fl-imgħoddi, jekk tabilħaqq temmnu?"

92. Mosè tassew ġiekom b'sinjali ċari, imbagħad minn warajh ħadtu l-għoġol *(biex tqimuh)*, ta' nies ħżiena li kontu.

93. U meta dħalna f'rabta magħkom, u għollejna fuqkom il-muntanja *(Sinaj u għednielkom)*: "Żommu sħiħ ma' dak li tajniekom, u isimgħu *(il-kmandamenti tagħna)*," *(il-Lhud)* qalu: "Nisimgħu *(Kliemek)* u ma nobdux *(l-amar tiegħek)*." Talli ċaħdu twemminhom, kienu mġieghla jixorbu fi qlubhom *(il-ġibda)* għall-għoġol. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ta' għajb huwa dak li jamrilkom twemminkom *(il-falz)*, jekk tassew temmnu!"

قُلْ إِن كَانَتْ لَكُمُ ٱلدَّارُ ٱلْآخِرَةُ عِندَ ٱللَّهِ خَالِصَةً مِّن
دُونِ ٱلنَّاسِ فَتَمَنَّوُا۟ ٱلْمَوْتَ إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ ﴿94﴾
وَلَن يَتَمَنَّوْهُ أَبَدًۢا بِمَا قَدَّمَتْ أَيْدِيهِمْ ۗ وَٱللَّهُ عَلِيمٌۢ بِٱلظَّٰلِمِينَ
﴿95﴾ وَلَتَجِدَنَّهُمْ أَحْرَصَ ٱلنَّاسِ عَلَىٰ حَيَوٰةٍ وَمِنَ ٱلَّذِينَ
أَشْرَكُوا۟ ۚ يَوَدُّ أَحَدُهُمْ لَوْ يُعَمَّرُ أَلْفَ سَنَةٍ وَمَا هُوَ بِمُزَحْزِحِهِۦ
مِنَ ٱلْعَذَابِ أَن يُعَمَّرَ ۗ وَٱللَّهُ بَصِيرٌۢ بِمَا يَعْمَلُونَ ﴿96﴾ قُلْ
مَن كَانَ عَدُوًّا لِّجِبْرِيلَ فَإِنَّهُۥ نَزَّلَهُۥ عَلَىٰ قَلْبِكَ بِإِذْنِ ٱللَّهِ
مُصَدِّقًا لِّمَا بَيْنَ يَدَيْهِ وَهُدًى وَبُشْرَىٰ لِلْمُؤْمِنِينَ
﴿97﴾ مَن كَانَ عَدُوًّا لِّلَّهِ وَمَلَٰٓئِكَتِهِۦ وَرُسُلِهِۦ وَجِبْرِيلَ
وَمِيكَىٰلَ فَإِنَّ ٱللَّهَ عَدُوٌّ لِّلْكَٰفِرِينَ ﴿98﴾ وَلَقَدْ أَنزَلْنَآ
إِلَيْكَ ءَايَٰتٍۭ بَيِّنَٰتٍ ۖ وَمَا يَكْفُرُ بِهَآ إِلَّا ٱلْفَٰسِقُونَ ﴿99﴾
أَوَكُلَّمَا عَٰهَدُوا۟ عَهْدًا نَّبَذَهُۥ فَرِيقٌ مِّنْهُم ۚ بَلْ أَكْثَرُهُمْ
لَا يُؤْمِنُونَ ﴿100﴾ وَلَمَّا جَآءَهُمْ رَسُولٌ مِّنْ عِندِ ٱللَّهِ
مُصَدِّقٌ لِّمَا مَعَهُمْ نَبَذَ فَرِيقٌ مِّنَ ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْكِتَٰبَ
كِتَٰبَ ٱللَّهِ وَرَآءَ ظُهُورِهِمْ كَأَنَّهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿101﴾

94. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Jekk l-Aħħar Dar, *(dik)* għand Alla, hija *(mħejjija)* għalikom biss, u mhux *(għall-bqija)* tan-nies, mela xxennqu għall-mewt, jekk tabilħaqq qegħdin tgħidu s-sewwa."

95. Iżda huma qatt ma huma se jixtiquha *(il-mewt)* minħabba dak li għamlu b'idejhom. Alla jaf kollox dwar dawk li jagħmlu l-ħażen.

96. Tassew li se ssibhom l-aktar nies imxennqa għall-ħajja, aktar minn dawk li jxierku allat oħra ma' Alla. Kull wieħed minnhom jixtieq li kieku jista' jgħix elf sena, għalkemm għajxien fit-tul ma huwiex se jbiegħdu mill-kastig. Alla jara sew dak li jagħmlu.

97. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Min hu l-għadu ta' *(l-anġlu)* Gabrijel *(għandu jkun jaf li)* hu niżżlu *(il-Ktieb)* f'qalbek, bir-rieda ta' Alla; *(Ktieb)* li jseddaq dak *(li niżel)* qablu, u tmexxija u bxara tajba għal dawk li jemmnu."

98. Min hu għadu ta' Alla, ta' l-anġli tiegħu, tal-Mibgħutin tiegħu, ta' Gabrijel, u ta' Mikiel *(għandu jkun jaf li)* Alla tabilħaqq huwa l-għadu ta' dawk li m'emmnux.

99. Aħna niżżilnielek *(Muħammad)* versi ċari u ħadd, ħlief il-ħżiena, ma jiċħadhom.

100. Mela mhux kull darba li daħlu għal xi rabta *(issib li)* uħud minnhom iwarrbuha? Iżda ħafna minnhom ma jemmnux.

101. U meta ġiehom Mibgħut mingħand Alla *(Muħammad)* li jseddaq *(it-Torā)* li kellhom, uħud minn dawk li ngħatalhom il-Ktieb tefgħu wara daharhom il-Ktieb ta' Alla *(it-Torā)*, bħallikieku ma jafux.

وَٱتَّبَعُوا۟ مَا تَتْلُوا۟ ٱلشَّيَٰطِينُ عَلَىٰ مُلْكِ سُلَيْمَٰنَ ۖ وَمَا كَفَرَ
سُلَيْمَٰنُ وَلَٰكِنَّ ٱلشَّيَٰطِينَ كَفَرُوا۟ يُعَلِّمُونَ ٱلنَّاسَ
ٱلسِّحْرَ وَمَآ أُنزِلَ عَلَى ٱلْمَلَكَيْنِ بِبَابِلَ هَٰرُوتَ وَمَٰرُوتَ ۚ
وَمَا يُعَلِّمَانِ مِنْ أَحَدٍ حَتَّىٰ يَقُولَآ إِنَّمَا نَحْنُ فِتْنَةٌ فَلَا تَكْفُرْ ۖ
فَيَتَعَلَّمُونَ مِنْهُمَا مَا يُفَرِّقُونَ بِهِۦ بَيْنَ ٱلْمَرْءِ وَزَوْجِهِۦ ۚ
وَمَا هُم بِضَآرِّينَ بِهِۦ مِنْ أَحَدٍ إِلَّا بِإِذْنِ ٱللَّهِ ۚ وَيَتَعَلَّمُونَ
مَا يَضُرُّهُمْ وَلَا يَنفَعُهُمْ ۚ وَلَقَدْ عَلِمُوا۟ لَمَنِ ٱشْتَرَىٰهُ
مَا لَهُۥ فِى ٱلْءَاخِرَةِ مِنْ خَلَٰقٍ ۚ وَلَبِئْسَ مَا شَرَوْا۟ بِهِۦٓ
أَنفُسَهُمْ ۚ لَوْ كَانُوا۟ يَعْلَمُونَ ﴿102﴾ وَلَوْ أَنَّهُمْ ءَامَنُوا۟
وَٱتَّقَوْا۟ لَمَثُوبَةٌ مِّنْ عِندِ ٱللَّهِ خَيْرٌ ۖ لَّوْ كَانُوا۟ يَعْلَمُونَ
﴿103﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَا تَقُولُوا۟ رَٰعِنَا وَقُولُوا۟
ٱنظُرْنَا وَٱسْمَعُوا۟ ۗ وَلِلْكَٰفِرِينَ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿104﴾
مَّا يَوَدُّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ مِنْ أَهْلِ ٱلْكِتَٰبِ وَلَا ٱلْمُشْرِكِينَ
أَن يُنَزَّلَ عَلَيْكُم مِّنْ خَيْرٍ مِّن رَّبِّكُمْ ۗ وَٱللَّهُ يَخْتَصُّ
بِرَحْمَتِهِۦ مَن يَشَآءُ ۚ وَٱللَّهُ ذُو ٱلْفَضْلِ ٱلْعَظِيمِ ﴿105﴾

102. Huma mxew wara dak li qalgħu x-xjaten *(minn żniedhom)* dwar is-saltna ta' Salamun. Mhux Salamun kien li m'emminx, iżda x-xjaten m'emmnux, u għallmu lin-nies, lil Hārūt u lil Mārūt *(iż-żewġ sħaħar)* is-seħer f'Bābel – u mhux minnu illi *(is-seħer)* huwa dak li tniżżel liż-żewġ anġli *(Gabrijel u Mikiel). (Is-sħaħar Hārūt u Mārūt)* ma għallmu *(xejn)* lil ħadd jekk qabel ma kinux jgħidu: "Aħna biss tiġrib *(għalik)*, u għalhekk la tiċħadx *(it-twemmin)*!" Minn dawn it-tnejn *(Hārūt u Mārūt)* tgħallmu dak li jġib il-firda bejn ir-raġel u martu. Iżda bih huma ma jagħmlu l-ħsara lil ħadd, jekk mhux bil-permess ta' Alla. Huma tgħallmu dak li jġibilhom il-ħsara u mhux dak li hu ta' fejda għalihom. Huma kienu jafu li min jixtrih *(is-seħer)* ma jkollux sehem mill-Ħajja l-Oħra. Ta' għajb il-prezz li bih biegħu l-erwieħ tagħhom, li kieku kienu jafu!

103. Li kieku emmnu u beżgħu minn Alla, il-ħlas mingħand Alla kien ikun aħjar, li kieku kienu jafu.

104. Intom li temmnu, la tgħidux *(lill-Profeta kliem imħawwad bħal)*: "*Rāgħinā*," iżda *(tkellmu sewwa u)* għidu: "*Unẓurnā*!"[29] U isimgħu *(lilu)*! Għal dawk li m'emmnux hemm kastig ta' wġigħ.

105. Dawk fost Nies il-Ktieb *(il-Lhud u l-Insara)* li m'emmnux, u dawk li jxierku allat oħra ma' Alla, ma jixtiqux *(minħabba l-għira tagħhom għalikom)* li jitniżżel fuqkom il-ġid mingħand Sidkom. Iżda Alla jagħżel għall-ħniena tiegħu lil min jidhirlu. Alla huwa ta' tjieba mill-akbar.

---

[29] Bl-ilsien Għarbi l-kelmiet *rāgħinā* u *unẓurnā* litteralment ifissru "ħares lejna". Ara t-Tagħrif Ġenerali.

نصف الحزب 2

۞ مَا نَنسَخْ مِنْ ءَايَةٍ أَوْ نُنسِهَا نَأْتِ بِخَيْرٍ مِّنْهَآ أَوْ مِثْلِهَآ ۗ
أَلَمْ تَعْلَمْ أَنَّ ٱللَّهَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿106﴾ أَلَمْ تَعْلَمْ أَنَّ ٱللَّهَ لَهُۥ
مُلْكُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۗ وَمَا لَكُم مِّن دُونِ ٱللَّهِ مِن
وَلِىٍّ وَلَا نَصِيرٍ ﴿107﴾ أَمْ تُرِيدُونَ أَن تَسْـَٔلُوا۟ رَسُولَكُمْ
كَمَا سُئِلَ مُوسَىٰ مِن قَبْلُ ۗ وَمَن يَتَبَدَّلِ ٱلْكُفْرَ بِٱلْإِيمَٰنِ
فَقَدْ ضَلَّ سَوَآءَ ٱلسَّبِيلِ ﴿108﴾ وَدَّ كَثِيرٌ مِّنْ أَهْلِ
ٱلْكِتَٰبِ لَوْ يَرُدُّونَكُم مِّنۢ بَعْدِ إِيمَٰنِكُمْ كُفَّارًا حَسَدًا
مِّنْ عِندِ أَنفُسِهِم مِّنۢ بَعْدِ مَا تَبَيَّنَ لَهُمُ ٱلْحَقُّ ۖ فَٱعْفُوا۟
وَٱصْفَحُوا۟ حَتَّىٰ يَأْتِىَ ٱللَّهُ بِأَمْرِهِۦٓ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ
﴿109﴾ وَأَقِيمُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ وَءَاتُوا۟ ٱلزَّكَوٰةَ ۚ وَمَا تُقَدِّمُوا۟ لِأَنفُسِكُم
مِّنْ خَيْرٍ تَجِدُوهُ عِندَ ٱللَّهِ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ بِمَا تَعْمَلُونَ بَصِيرٌ
﴿110﴾ وَقَالُوا۟ لَن يَدْخُلَ ٱلْجَنَّةَ إِلَّا مَن كَانَ هُودًا أَوْ نَصَٰرَىٰ ۗ
تِلْكَ أَمَانِيُّهُمْ ۗ قُلْ هَاتُوا۟ بُرْهَٰنَكُمْ إِن كُنتُمْ
صَٰدِقِينَ ﴿111﴾ بَلَىٰ مَنْ أَسْلَمَ وَجْهَهُۥ لِلَّهِ وَهُوَ مُحْسِنٌ
فَلَهُۥٓ أَجْرُهُۥ عِندَ رَبِّهِۦ وَلَا خَوْفٌ عَلَيْهِمْ وَلَا هُمْ يَحْزَنُونَ ﴿112﴾

106. Aħna ma nħassru ebda vers *(mill-Ktieb tagħna)*, u lanqas innessuh, jekk mhux biex inġibu xi ħaġa aħjar minnu jew *(għallinqas)* bħalu. Mela ma tafx li Alla fuq kollox Setgħan?

107. Ma tafx li Alla għandu s-saltna tas-smewwiet u l-art. Ma għandkom lil ħadd għajru li jħariskom u jgħinkom?

108. Jaqaw tridu tistaqsu lill-Mibgħut tagħkom *(Muħammad)* bħalma kien mistoqsi Mosè dari? Min ibiddel it-twemmin maċ-ċaħda tat-twemmin ikun tilef it-triq it-tajba.

109. Ħafna minn Nies il-Ktieb jixtiequ li kieku jdawrukom u *(ssiru)* ma temmnux wara li *(ksibtu)* twemminkom. *(Dan minħabba)* l-għira tagħhom wara li s-sewwa sar magħruf lilhom. Aħfru u agħdru *(lil dawn in-nies)* sa ma Alla jagħti l-amar tiegħu *(dwar x'għandu jsir minnhom)*. Alla tabilħaqq fuq kollox Setgħan.

110. Agħmlu t-talb u agħtu l-karità. Kull ġid li tressqu quddiemkom għall-erwieħ tagħkom, issibuh għand Alla. Alla tabilħaqq jara kulma tagħmlu.

111. *(Il-Lhud u l-Insara)* jgħidu: "Ħadd ma jidħol il-Ġenna għajr il-Lhud u l-Insara." Dawk huma x-xewqat *(il-fiergħa)* tagħhom. Għid*(ilhom, Muħammad)*: "Ġibu l-prova tagħkom *(dwar dan)*, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa!"

112. Le! Kulmin joqgħod għal Alla minn qalbu u jagħmel it-tajjeb, għandu ħlasu għand Sidu. Fuqhom ma hemm ebda biża' u lanqas jitnikktu.

وَقَالَتِ ٱلْيَهُودُ لَيْسَتِ ٱلنَّصَٰرَىٰ عَلَىٰ شَىْءٍ وَقَالَتِ ٱلنَّصَٰرَىٰ
لَيْسَتِ ٱلْيَهُودُ عَلَىٰ شَىْءٍ وَهُمْ يَتْلُونَ ٱلْكِتَٰبَ كَذَٰلِكَ قَالَ
ٱلَّذِينَ لَا يَعْلَمُونَ مِثْلَ قَوْلِهِمْ ۚ فَٱللَّهُ يَحْكُمُ بَيْنَهُمْ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ
فِيمَا كَانُوا۟ فِيهِ يَخْتَلِفُونَ ﴿113﴾ وَمَنْ أَظْلَمُ مِمَّن مَّنَعَ مَسَٰجِدَ
ٱللَّهِ أَن يُذْكَرَ فِيهَا ٱسْمُهُۥ وَسَعَىٰ فِى خَرَابِهَا ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ مَا كَانَ
لَهُمْ أَن يَدْخُلُوهَآ إِلَّا خَآئِفِينَ ۚ لَهُمْ فِى ٱلدُّنْيَا خِزْىٌ
وَلَهُمْ فِى ٱلْءَاخِرَةِ عَذَابٌ عَظِيمٌ ﴿114﴾ وَلِلَّهِ ٱلْمَشْرِقُ وَٱلْمَغْرِبُ ۚ
فَأَيْنَمَا تُوَلُّوا۟ فَثَمَّ وَجْهُ ٱللَّهِ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ وَٰسِعٌ عَلِيمٌ ﴿115﴾
وَقَالُوا۟ ٱتَّخَذَ ٱللَّهُ وَلَدًا سُبْحَٰنَهُۥ ۖ بَل لَّهُۥ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضِ ۖ كُلٌّ لَّهُۥ قَٰنِتُونَ ﴿116﴾ بَدِيعُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ
وَإِذَا قَضَىٰٓ أَمْرًا فَإِنَّمَا يَقُولُ لَهُۥ كُن فَيَكُونُ ﴿117﴾ وَقَالَ ٱلَّذِينَ
لَا يَعْلَمُونَ لَوْلَا يُكَلِّمُنَا ٱللَّهُ أَوْ تَأْتِينَآ ءَايَةٌ ۗ كَذَٰلِكَ
قَالَ ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِم مِّثْلَ قَوْلِهِمْ ۘ تَشَٰبَهَتْ قُلُوبُهُمْ ۗ
قَدْ بَيَّنَّا ٱلْءَايَٰتِ لِقَوْمٍ يُوقِنُونَ ﴿118﴾ إِنَّآ أَرْسَلْنَٰكَ
بِٱلْحَقِّ بَشِيرًا وَنَذِيرًا ۖ وَلَا تُسْـَٔلُ عَنْ أَصْحَٰبِ ٱلْجَحِيمِ ﴿119﴾

113. Il-Lhud qalu: "L-Insara ma għandhom xejn *(mis-sewwa)*," u l-Insara qalu: "Il-Lhud ma għandhom xejn *(mis-sewwa)*," meta huma jaqraw il-Ktieb *(it-Torā u l-Evanġelju, u suppost jafu)*. Kliem bħal ta' dawn jgħiduh ukoll dawk li ma jafux *(l-Għarab pagani ta' żmien Muħammad)*. Alla għad jagħmel ħaqq minnhom f'Jum il-Qawmien fuq dak li tlewmu dwaru.

114. U min hu aktar inġust minn dak li ma jħallix li fil-moskej ta' Alla jissemma Ismu, u li jħabrek għall-ħerba tagħhom? *(Nies bħal)* dawn lanqas jixirqilhom jidħlu fihom jekk mhux bil-biża' *(minn Alla)*. Tagħhom huwa l-għajb *(f'din)* id-dinja, u fl-Oħra jkollhom kastig mill-kbar.

115. Ta' Alla huwa l-Lvant u l-Punent, u kull fejn idduru, hemm *(issibu)* Wiċċ Alla. Alla tabilħaqq jesa' kollox, u jaf kollox.

116. *(Il-Lhud u l-Insara)* jgħidu: "Alla għażel għalih wild." Sebħ lilu! Tiegħu kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art, u kollox joqgħod għalih!

117. Huwa li ħalaq għall-ewwel darba s-smewwiet u l-art, u meta jaqta' *(li għandha sseħħ)* xi ħaġa, biżżejjed jgħidilha: "Kun!" u tkun.

118. Dawk bla għerf *(il-pagani)* jgħidu: "Għaliex Alla ma jkellimniex *(u jgħidilna li inti, Muħammad, il-Profeta tiegħu)*, jew jiġina xi sinjal *(biex nemmnuk)*?" Ta' qabilhom ukoll qalu bħal *(dan)* kliemhom. Qlubhom jixxiebhu. Aħna tassew urejna biċ-ċar is-sinjali lil nies sħaħ fit-twemmin.

119. Aħna bgħatniek *(Muħammad għand il-bnedmin)* bis-sewwa bħala ħabbar tal-bxara t-tajba, u biex twissi. M'intix se tkun mistoqsi dwar nies in-Nar *(ta' l-Infern)*.

وَلَن تَرْضَىٰ عَنكَ ٱلْيَهُودُ وَلَا ٱلنَّصَٰرَىٰ حَتَّىٰ تَتَّبِعَ مِلَّتَهُمْ ۗ قُلْ إِنَّ
هُدَى ٱللَّهِ هُوَ ٱلْهُدَىٰ ۗ وَلَئِنِ ٱتَّبَعْتَ أَهْوَآءَهُم بَعْدَ ٱلَّذِى جَآءَكَ
مِنَ ٱلْعِلْمِ ۙ مَا لَكَ مِنَ ٱللَّهِ مِن وَلِىٍّ وَلَا نَصِيرٍ ﴿120﴾ ٱلَّذِينَ ءَاتَيْنَٰهُمُ
ٱلْكِتَٰبَ يَتْلُونَهُۥ حَقَّ تِلَاوَتِهِۦٓ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ يُؤْمِنُونَ بِهِۦ ۗ وَمَن يَكْفُرْ بِهِۦ
فَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْخَٰسِرُونَ ﴿121﴾ يَٰبَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ ٱذْكُرُوا۟ نِعْمَتِىَ ٱلَّتِىٓ
أَنْعَمْتُ عَلَيْكُمْ وَأَنِّى فَضَّلْتُكُمْ عَلَى ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿122﴾ وَٱتَّقُوا۟ يَوْمًا
لَّا تَجْزِى نَفْسٌ عَن نَّفْسٍ شَيْـًٔا وَلَا يُقْبَلُ مِنْهَا عَدْلٌ وَلَا تَنفَعُهَا
شَفَٰعَةٌ وَلَا هُمْ يُنصَرُونَ ﴿123﴾ ۞ وَإِذِ ٱبْتَلَىٰٓ إِبْرَٰهِـۧمَ رَبُّهُۥ بِكَلِمَٰتٍ
فَأَتَمَّهُنَّ ۖ قَالَ إِنِّى جَاعِلُكَ لِلنَّاسِ إِمَامًا ۖ قَالَ وَمِن ذُرِّيَّتِى ۖ قَالَ لَا
يَنَالُ عَهْدِى ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿124﴾ وَإِذْ جَعَلْنَا ٱلْبَيْتَ مَثَابَةً لِّلنَّاسِ
وَأَمْنًا وَٱتَّخِذُوا۟ مِن مَّقَامِ إِبْرَٰهِـۧمَ مُصَلًّى ۖ وَعَهِدْنَآ إِلَىٰٓ إِبْرَٰهِـۧمَ
وَإِسْمَٰعِيلَ أَن طَهِّرَا بَيْتِىَ لِلطَّآئِفِينَ وَٱلْعَٰكِفِينَ وَٱلرُّكَّعِ
ٱلسُّجُودِ ﴿125﴾ وَإِذْ قَالَ إِبْرَٰهِـۧمُ رَبِّ ٱجْعَلْ هَٰذَا بَلَدًا ءَامِنًا وَٱرْزُقْ
أَهْلَهُۥ مِنَ ٱلثَّمَرَٰتِ مَنْ ءَامَنَ مِنْهُم بِٱللَّهِ وَٱلْيَوْمِ ٱلْءَاخِرِ ۖ قَالَ وَمَن كَفَرَ
فَأُمَتِّعُهُۥ قَلِيلًا ثُمَّ أَضْطَرُّهُۥٓ إِلَىٰ عَذَابِ ٱلنَّارِ ۖ وَبِئْسَ ٱلْمَصِيرُ ﴿126﴾

ثلاثة أرباع الحزب 2

120. La l-Lhud u lanqas l-Insara ma huma se jithennew bik, qabel ma timxi fi twemminhom. Inti għid*(ilhom)*: "It-tmexxija ta' Alla hija t-tmexxija *(tassew u ma hemmx ħliefha)*." Jekk timxi wara x-xewqat tagħhom, wara li ġiek l-għerf, ma jkollokx min iħarsek u lanqas jgħinek *(kontra l-għadab li jiġi)* minn Alla.

121. Dawk li tajniehom il-Ktieb, u jaqrawh kif jixraq li jinqara, dawk huma li jemmnu fih *(tassew)*. Iżda dawk li jiċħduh huma t-telliefa.

122. Ja Wlied Israel, ftakru fil-grazzja tiegħi li xħett fuqkom, u *(ftakru)* li ppreferejtkom mill-ħlejjaq *(l-oħra kollha)*.

123. Ibżgħu minn Jum *(il-Ħaqq)* meta ruħ ma tħallasx għal ruħ oħra, u ma tintlaqa' minnha ebda fidwa, lanqas ma tiswielha ebda interċessjoni *(jekk ma temminx)*, u *(dakinhar dawk l-erwieħ ħżiena)* ma jkunux megħjunin.

124. U *(ftakar, Muħammad)* meta lil Abraham Sidu ġarrbu b'xi kelmiet, u wettaqhom. Huwa qal: "Jiena ħtartek mexxej għan-nies!" Abraham qal: "U minn nisli *(x'se jiġri)*?" Qal *(Alla)*: "Ir-rabta tiegħi ma tesax lill-ħżiena."

125. U *(ftakar)* meta għamilna mid-dar *(il-Kagħba)* imkien fejn *(b'xenqa u b'ħeġġa kbira)* jinġabru n-nies, u *(jkun ta')* kenn *(għalihom)* u *(għednielhom)*: "Ħudu l-imkien fejn kien waqaf Abraham *(biex jibni l-Kagħba)* bħala mkien għat-talb għalikom!" Aħna qabbadna lil Abraham u *(lil ibnu)* Ismagħel isaffu dari għal dawk li jduru madwarha, li jqattgħu żmien ħdejha, li jmilu *(bil-qima)* u jinxteħtu fl-art *(jitolbu fiha)*.

126. U *(ftakar)* meta Abraham qal: "Sidi, agħmel minn din *(Mekka)* belt ta' sliem, u għajjex lil niesha bil-frott – lil dawk fosthom li emmnu f'Alla u fl-Aħħar Jum." Huwa qal: "U lil min m'emminx, inħallih igawdi għal ftit żmien, imbagħad inġieghlu jieħu l-kastig tan-Nar. *(Dak ikun tassew)* tmiem mill-agħar!"

وَإِذْ يَرْفَعُ إِبْرَٰهِـۧمُ ٱلْقَوَاعِدَ مِنَ ٱلْبَيْتِ وَإِسْمَٰعِيلُ رَبَّنَا تَقَبَّلْ
مِنَّآ ۖ إِنَّكَ أَنتَ ٱلسَّمِيعُ ٱلْعَلِيمُ ﴿127﴾ رَبَّنَا وَٱجْعَلْنَا مُسْلِمَيْنِ
لَكَ وَمِن ذُرِّيَّتِنَآ أُمَّةً مُّسْلِمَةً لَّكَ وَأَرِنَا مَنَاسِكَنَا وَتُبْ عَلَيْنَآ ۖ
إِنَّكَ أَنتَ ٱلتَّوَّابُ ٱلرَّحِيمُ ﴿128﴾ رَبَّنَا وَٱبْعَثْ فِيهِمْ رَسُولًا
مِّنْهُمْ يَتْلُوا۟ عَلَيْهِمْ ءَايَٰتِكَ وَيُعَلِّمُهُمُ ٱلْكِتَٰبَ وَٱلْحِكْمَةَ
وَيُزَكِّيهِمْ ۚ إِنَّكَ أَنتَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ ﴿129﴾ وَمَن يَرْغَبُ عَن
مِّلَّةِ إِبْرَٰهِـۧمَ إِلَّا مَن سَفِهَ نَفْسَهُۥ ۚ وَلَقَدِ ٱصْطَفَيْنَٰهُ فِى ٱلدُّنْيَا ۖ
وَإِنَّهُۥ فِى ٱلْـَٔاخِرَةِ لَمِنَ ٱلصَّٰلِحِينَ ﴿130﴾ إِذْ قَالَ لَهُۥ رَبُّهُۥٓ أَسْلِمْ ۖ
قَالَ أَسْلَمْتُ لِرَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿131﴾ وَوَصَّىٰ بِهَآ إِبْرَٰهِـۧمُ بَنِيهِ
وَيَعْقُوبُ يَٰبَنِىَّ إِنَّ ٱللَّهَ ٱصْطَفَىٰ لَكُمُ ٱلدِّينَ فَلَا تَمُوتُنَّ إِلَّا
وَأَنتُم مُّسْلِمُونَ ﴿132﴾ أَمْ كُنتُمْ شُهَدَآءَ إِذْ حَضَرَ يَعْقُوبَ
ٱلْمَوْتُ إِذْ قَالَ لِبَنِيهِ مَا تَعْبُدُونَ مِنۢ بَعْدِى قَالُوا۟ نَعْبُدُ
إِلَٰهَكَ وَإِلَٰهَ ءَابَآئِكَ إِبْرَٰهِـۧمَ وَإِسْمَٰعِيلَ وَإِسْحَٰقَ إِلَٰهًا
وَٰحِدًا وَنَحْنُ لَهُۥ مُسْلِمُونَ ﴿133﴾ تِلْكَ أُمَّةٌ قَدْ خَلَتْ ۖ لَهَا
مَا كَسَبَتْ وَلَكُم مَّا كَسَبْتُمْ ۖ وَلَا تُسْـَٔلُونَ عَمَّا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ ﴿134﴾

127. U *(ftakar ukoll)* meta Abraham, flimkien ma' Ismagħel, għolla sisien id-dar *(il-Kagħba, u talbu hekk)*: "Sidna, ilqa' minna *(għemilna)*. Inti tabilħaqq tisma' kollox u taf kollox.

128. Sidna, agħmilna Misilmin u *(oħroġ)* minn nisilna nazzjon ta' Misilmin.[30] Urina kif nagħtu qima, u ilqa' l-indiema tagħna. Inti tabilħaqq iddur kollok maħfra, il-Ħanin.

129. Sidna, ibagħtilhom Mibgħut minn fosthom li jaqralhom il-versi tiegħek, jgħallimhom il-Ktieb *(il-Qoran)* u l-għerf, u jsaffihom. Inti tabilħaqq il-Qawwi, l-Għaref."

130. U min jagħti dahru *(u jiċħad)* twemmin Abraham, jekk mhux min tbellah? Aħna *(lil Abraham)* għażilnieh f'*(din)* id-dinja, u tabilħaqq li fl-Oħra huwa jkun mat-tajbin.

131. Meta Sidu qallu: "Intelaq *(għar-rieda tiegħi)*!" huwa qal: "Intlaqt f'idejn Sid il-ħolqien!"

132. Abraham ħeġġeġ lil uliedu b'dan *(it-twemmin f'Alla Wieħed u bl-ubbidjenza lejh)*, u Ġakobb *(ukoll qal lil uliedu)*: "Ja wliedi, tabilħaqq li Alla għażlilkom id-din, u għalhekk la tmutux jekk mhux Misilmin."

133. Jew kontu *(ja Wlied Israel)* xhieda meta l-mewt ġiet għand Ġakobb, u meta qal lil uliedu: "X'se tqimu warajja *(meta mmut)*?" Qalu: "Inqimu lil Alla tiegħek, u lil Alla ta' missirijietek Abraham, Ismagħel u Iżakk: Alla wieħed *(inqimu)*, u aħna Misilmin – intlaqna f'idejh."

134. Dawk kienu nies li għaddew. Tagħhom huwa dak illi kisbu, u tagħkom huwa dak illi ksibtu. M'intomx se tkunu mistoqsijin dwar dak li kienu jagħmlu.

---

[30] Misilmin: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

وَقَالُوا كُونُوا هُودًا أَوْ نَصَارَىٰ تَهْتَدُوا ۗ قُلْ بَلْ مِلَّةَ إِبْرَاهِيمَ
حَنِيفًا ۖ وَمَا كَانَ مِنَ الْمُشْرِكِينَ ﴿135﴾ قُولُوا آمَنَّا بِاللَّهِ وَمَا
أُنْزِلَ إِلَيْنَا وَمَا أُنْزِلَ إِلَىٰ إِبْرَاهِيمَ وَإِسْمَاعِيلَ وَإِسْحَاقَ وَيَعْقُوبَ
وَالْأَسْبَاطِ وَمَا أُوتِيَ مُوسَىٰ وَعِيسَىٰ وَمَا أُوتِيَ النَّبِيُّونَ
مِنْ رَبِّهِمْ لَا نُفَرِّقُ بَيْنَ أَحَدٍ مِنْهُمْ وَنَحْنُ لَهُ مُسْلِمُونَ ﴿136﴾
فَإِنْ آمَنُوا بِمِثْلِ مَا آمَنْتُمْ بِهِ فَقَدِ اهْتَدَوْا ۖ وَإِنْ تَوَلَّوْا فَإِنَّمَا
هُمْ فِي شِقَاقٍ ۖ فَسَيَكْفِيكَهُمُ اللَّهُ ۚ وَهُوَ السَّمِيعُ الْعَلِيمُ
﴿137﴾ صِبْغَةَ اللَّهِ ۖ وَمَنْ أَحْسَنُ مِنَ اللَّهِ صِبْغَةً ۖ وَنَحْنُ لَهُ
عَابِدُونَ ﴿138﴾ قُلْ أَتُحَاجُّونَنَا فِي اللَّهِ وَهُوَ رَبُّنَا وَرَبُّكُمْ
وَلَنَا أَعْمَالُنَا وَلَكُمْ أَعْمَالُكُمْ وَنَحْنُ لَهُ مُخْلِصُونَ ﴿139﴾ أَمْ
تَقُولُونَ إِنَّ إِبْرَاهِيمَ وَإِسْمَاعِيلَ وَإِسْحَاقَ وَيَعْقُوبَ
وَالْأَسْبَاطَ كَانُوا هُودًا أَوْ نَصَارَىٰ ۗ قُلْ أَأَنْتُمْ أَعْلَمُ أَمِ اللَّهُ ۗ
وَمَنْ أَظْلَمُ مِمَّنْ كَتَمَ شَهَادَةً عِنْدَهُ مِنَ اللَّهِ ۗ وَمَا اللَّهُ
بِغَافِلٍ عَمَّا تَعْمَلُونَ ﴿140﴾ تِلْكَ أُمَّةٌ قَدْ خَلَتْ ۖ لَهَا مَا كَسَبَتْ
وَلَكُمْ مَا كَسَبْتُمْ ۖ وَلَا تُسْأَلُونَ عَمَّا كَانُوا يَعْمَلُونَ ﴿141﴾

135. Huma *(il-Lhud u l-Insara)* qalu: "Kunu Lhud jew Insara, u tkunu fit-triq it-tajba." Għid *(Muħammad)*: "Le *(mhux kif qegħdin tgħidu)*, iżda *(jiena nagħżel)* it-twemmin safi ta' Abraham. Huwa ma kienx minn dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla l-Imbierek)*."

136. Għidu *(ja Misilmin)*: "Aħna nemmnu f'Alla, f'dak li tniżżel lilna, u f'dak li tniżżel lil Abraham, lil Ismagħel, lil Iżakk, lil Ġakobb, u lit-tribujiet. *(Aħna nemmnu)* f'dak li ngħata Mosè *(it-Torā)* u Ġesù *(l-Evanġelju)*, u f'dak li ngħataw il-Profeti minn Sidhom. Aħna ma nagħmlu distinzjoni bejn ħadd minnhom, u aħna f'idejh intlaqna, Misilmin."

137. Għalhekk jekk *(il-Lhud u l-Insara)* jemmnu fi twemmin bħal twemminkom, ikunu fit-triq it-tajba, iżda jekk jagħtu daharhom *(u ma jagħtux widen)*, huma jkunu tabilħaqq f'firda *(u maqtugħin għalihom)*. Alla se jħarsek *(Muħammad)* minnhom. Huwa jisma' kollox u jaf kollox.

138. *(Aħna nagħżlu)* il-lewn ta' Alla *(li huwa t-twemmin tiegħu)*. U min hu dak li lewnu huwa aħjar minn ta' Alla? Aħna lilu nqimu.

139. Għid *(lil Nies il-Ktieb)*: "Jaqaw tħaqquha magħna fuq Alla, meta Huwa Sidna u Sidkom? Aħna għandna l-għemejjel tagħna *(xi nwieġbu għalihom)* u intom għandkom l-għemejjel tagħkom *(ukoll)*. Aħna għalih *(biss)* noqogħdu."

140. Jew *(tridu)* tgħidu li Abraham, Ismagħel, Iżakk, Ġakobb, u t-tribujiet kienu Lhud jew Insara? Għid: "Intom tafu aktar, jew Alla? Min huwa l-aktar inġust minn dak li jaħbi xhieda li għandu mingħand Alla? Alla ma jaqbiżlu xejn minn dak li tagħmlu."

141. Dawk kienu nies li għaddew *(u ntemmu)*. Tagħhom huwa dak li kisbu, u tagħkom huwa dak li ksibtu. M'intomx se tkunu mistoqsijin dwar dak li kienu jagħmlu.

۞ سَيَقُولُ ٱلسُّفَهَآءُ مِنَ ٱلنَّاسِ مَا وَلَّىٰهُمْ عَن قِبْلَتِهِمُ ٱلَّتِى كَانُوا۟
عَلَيْهَا ۚ قُل لِّلَّهِ ٱلْمَشْرِقُ وَٱلْمَغْرِبُ ۚ يَهْدِى مَن يَشَآءُ إِلَىٰ صِرَٰطٍ
مُّسْتَقِيمٍ ﴿142﴾ وَكَذَٰلِكَ جَعَلْنَٰكُمْ أُمَّةً وَسَطًا لِّتَكُونُوا۟
شُهَدَآءَ عَلَى ٱلنَّاسِ وَيَكُونَ ٱلرَّسُولُ عَلَيْكُمْ شَهِيدًا ۗ وَمَا
جَعَلْنَا ٱلْقِبْلَةَ ٱلَّتِى كُنتَ عَلَيْهَآ إِلَّا لِنَعْلَمَ مَن يَتَّبِعُ ٱلرَّسُولَ
مِمَّن يَنقَلِبُ عَلَىٰ عَقِبَيْهِ ۚ وَإِن كَانَتْ لَكَبِيرَةً إِلَّا عَلَى ٱلَّذِينَ
هَدَى ٱللَّهُ ۗ وَمَا كَانَ ٱللَّهُ لِيُضِيعَ إِيمَٰنَكُمْ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ بِٱلنَّاسِ
لَرَءُوفٌ رَّحِيمٌ ﴿143﴾ قَدْ نَرَىٰ تَقَلُّبَ وَجْهِكَ فِى ٱلسَّمَآءِ ۖ
فَلَنُوَلِّيَنَّكَ قِبْلَةً تَرْضَىٰهَا ۚ فَوَلِّ وَجْهَكَ شَطْرَ ٱلْمَسْجِدِ
ٱلْحَرَامِ ۚ وَحَيْثُ مَا كُنتُمْ فَوَلُّوا۟ وُجُوهَكُمْ شَطْرَهُۥ ۗ وَإِنَّ ٱلَّذِينَ
أُوتُوا۟ ٱلْكِتَٰبَ لَيَعْلَمُونَ أَنَّهُ ٱلْحَقُّ مِن رَّبِّهِمْ ۗ وَمَا ٱللَّهُ بِغَٰفِلٍ
عَمَّا يَعْمَلُونَ ﴿144﴾ وَلَئِنْ أَتَيْتَ ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْكِتَٰبَ بِكُلِّ
ءَايَةٍ مَّا تَبِعُوا۟ قِبْلَتَكَ ۚ وَمَآ أَنتَ بِتَابِعٍ قِبْلَتَهُمْ ۚ وَمَا بَعْضُهُم
بِتَابِعٍ قِبْلَةَ بَعْضٍ ۚ وَلَئِنِ ٱتَّبَعْتَ أَهْوَآءَهُم مِّنۢ بَعْدِ
مَا جَآءَكَ مِنَ ٱلْعِلْمِ ۙ إِنَّكَ إِذًا لَّمِنَ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿145﴾

142. Il-boloh fost in-nies se jgħidu: "X'kien li ġegħelhom *(il-Misilmin)* ibiddlu l-*qibla*[31] tagħhom li kienu *(jħarsu)* lejha?" Għid *(Muħammad)*: "Ta' Alla huwa l-Lvant u l-Punent. Huwa jmexxi lil min jidhirlu lejn triq dritta."

143. Hekk għamilniekom ġens fit-triq tan-nofs *(fost ġnus oħra)* biex tkunu xhieda għan-nies, u biex il-Mibgħut ikun xhud għalikom. Aħna ma għamilniex il-*qibla* li *(inti, Muħammad)* kont tħares lejha *(qabel, jiġifieri Ġerusalemm)* jekk mhux biex nagħżlu lil min jimxi wara l-Mibgħut minn dak li jerġa' lura *(u jiċħad it-twemmin)*. Tabilħaqq din kienet *(bidla)* kbira *(u tassew iebsa)*, ħlief għal dawk li Alla mexxa fit-triq it-tajba. Alla qatt ma kien se jtellifkom twemminkom *(u t-talb tagħkom b'ħarsitkom lejn Ġerusalemm)*. Alla tabilħaqq Kollu Tjubija u Ħniena man-nies.

144. Aħna rajna lil wiċċek *(Muħammad)* idur lejn is-sema *(għall-għajnuna)*, u tabilħaqq indawruk lejn *qibla* li togħġbok. Mela dawwar wiċċek lejn il-Moskea mqaddsa *(f'Mekka)*. Kull fejn tkunu, dawru wiċċkom lejha. Tabilħaqq li dawk li ngħatalhom il-Ktieb jafu tajjeb li dan huwa s-sewwa minn Sidhom. Alla ma jaqbiżlu xejn minn dak li jagħmlu.

145. Li kieku lil dawk li ngħatalhom il-Ktieb kellek iġġibilhom kull sinjal, *(xorta waħda)* ma kinux jimxu fuq il-*qibla* tiegħek *(Muħammad)*, u lanqas inti ma timxi fuq il-*qibla* tagħhom. Huma lanqas ma jimxu fuq il-*qibla* ta' xulxin. Li kieku *(Muħammad)*, wara l-għerf li ngħatalek, kellek timxi fuq ix-xewqat fiergħa tagħhom, tabilħaqq kont tkun fost il-ħżiena.

---

[31] Il-*qibla* hija d-direzzjoni li wieħed idur lejha meta jitlob. Ara t-Tagħrif Ġenerali.

ٱلَّذِينَ ءَاتَيْنَٰهُمُ ٱلْكِتَٰبَ يَعْرِفُونَهُۥ كَمَا يَعْرِفُونَ أَبْنَآءَهُمْ ۖ وَإِنَّ
فَرِيقًا مِّنْهُمْ لَيَكْتُمُونَ ٱلْحَقَّ وَهُمْ يَعْلَمُونَ ﴿146﴾ ٱلْحَقُّ مِن
رَّبِّكَ ۖ فَلَا تَكُونَنَّ مِنَ ٱلْمُمْتَرِينَ ﴿147﴾ وَلِكُلٍّ وِجْهَةٌ هُوَ مُوَلِّيهَا ۖ
فَٱسْتَبِقُوا۟ ٱلْخَيْرَٰتِ ۚ أَيْنَ مَا تَكُونُوا۟ يَأْتِ بِكُمُ ٱللَّهُ جَمِيعًا ۚ
إِنَّ ٱللَّهَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿148﴾ وَمِنْ حَيْثُ خَرَجْتَ فَوَلِّ
وَجْهَكَ شَطْرَ ٱلْمَسْجِدِ ٱلْحَرَامِ ۖ وَإِنَّهُۥ لَلْحَقُّ مِن رَّبِّكَ ۗ وَمَا
ٱللَّهُ بِغَٰفِلٍ عَمَّا تَعْمَلُونَ ﴿149﴾ وَمِنْ حَيْثُ خَرَجْتَ فَوَلِّ وَجْهَكَ
شَطْرَ ٱلْمَسْجِدِ ٱلْحَرَامِ ۖ وَحَيْثُ مَا كُنتُمْ فَوَلُّوا۟ وُجُوهَكُمْ
شَطْرَهُۥ لِئَلَّا يَكُونَ لِلنَّاسِ عَلَيْكُمْ حُجَّةٌ إِلَّا ٱلَّذِينَ ظَلَمُوا۟
مِنْهُمْ فَلَا تَخْشَوْهُمْ وَٱخْشَوْنِى وَلِأُتِمَّ نِعْمَتِى عَلَيْكُمْ وَلَعَلَّكُمْ
تَهْتَدُونَ ﴿150﴾ كَمَآ أَرْسَلْنَا فِيكُمْ رَسُولًا مِّنكُمْ
يَتْلُوا۟ عَلَيْكُمْ ءَايَٰتِنَا وَيُزَكِّيكُمْ وَيُعَلِّمُكُمُ ٱلْكِتَٰبَ
وَٱلْحِكْمَةَ وَيُعَلِّمُكُم مَّا لَمْ تَكُونُوا۟ تَعْلَمُونَ ﴿151﴾ فَٱذْكُرُونِىٓ
أَذْكُرْكُمْ وَٱشْكُرُوا۟ لِى وَلَا تَكْفُرُونِ ﴿152﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ ٱسْتَعِينُوا۟ بِٱلصَّبْرِ وَٱلصَّلَوٰةِ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ مَعَ ٱلصَّٰبِرِينَ ﴿153﴾

146. Dawk li tajniehom il-Ktieb jafuh *(lil Muħammad)* bħalma jafu lil uliedhom. Tabilħaqq li ġemgħa fosthom taf tajjeb li qiegħda taħbi s-sewwa.

147. *(Dan huwa)* is-sewwa minn Sidek *(għalik, Muħammad)*. Mela la tkunx minn dawk ta' bejn ħalltejn.

148. Kulħadd għandu xi naħa li jdur lejha. Għaġġlu fl-għemejjel tajba. Tkunu fejn tkunu, Alla jġibkom ilkoll flimkien *(biex tagħtu kont ta' l-għemejjel tagħkom)*. Tabilħaqq li Alla fuq kollox Setgħan.

149. Toħroġ minn fejn toħroġ *(għas-safar, u tkun fejn tkun, dejjem)* dawwar wiċċek lejn il-Moskea mqaddsa. Dan huwa s-sewwa minn Sidek. Alla ma jaqbiżlu xejn minn dak li tagħmlu.

150. Toħroġ minn fejn toħroġ, dawwar wiċċek *(dejjem)* lejn il-Moskea mqaddsa *(f'Mekka)*, u tkunu fejn tkunu, dawru wiċċkom lejha *(fit-talb)*. B'hekk in-nies ma jħaqquhiex magħkom, ħlief dawk fosthom li jagħmlu l-ħażen. Tibżgħux minnhom, iżda minni ibżgħu! *(B'hekk)* nagħmel sħiħa t-tjieba tiegħi fuqkom, u forsi timxu fit-triq it-tajba.

151. Hekk ukoll *(urejna tjieba magħkom meta)* bgħatnielkom Mibgħut minn fostkom, jaqralkom il-versi tagħna, isaffikom, jgħallimkom il-Ktieb u l-għerf, u jgħallimkom dak li ma kontux tafu.

152. Mela ftakru fija, u Jiena niftakar fikom. Roddu ħajr lili u la tiċħdunix!

153. Intom li emmintu, fittxu l-għajnuna fis-sabar u fit-talb. Alla tabilħaqq ma' dawk li jistabru *(u jżommu sħiħ)*.

وَلَا تَقُولُوا لِمَن يُقْتَلُ فِي سَبِيلِ اللَّهِ أَمْوَاتٌ ۚ بَلْ أَحْيَاءٌ وَلَٰكِن
لَّا تَشْعُرُونَ ﴿154﴾ وَلَنَبْلُوَنَّكُم بِشَيْءٍ مِّنَ الْخَوْفِ وَالْجُوعِ
وَنَقْصٍ مِّنَ الْأَمْوَالِ وَالْأَنفُسِ وَالثَّمَرَاتِ ۗ وَبَشِّرِ الصَّابِرِينَ
﴿155﴾ الَّذِينَ إِذَا أَصَابَتْهُم مُّصِيبَةٌ قَالُوا إِنَّا لِلَّهِ وَإِنَّا إِلَيْهِ رَاجِعُونَ
﴿156﴾ أُولَٰئِكَ عَلَيْهِمْ صَلَوَاتٌ مِّن رَّبِّهِمْ وَرَحْمَةٌ ۖ وَأُولَٰئِكَ
هُمُ الْمُهْتَدُونَ ﴿157﴾ ۞ إِنَّ الصَّفَا وَالْمَرْوَةَ مِن شَعَائِرِ اللَّهِ ۖ
فَمَنْ حَجَّ الْبَيْتَ أَوِ اعْتَمَرَ فَلَا جُنَاحَ عَلَيْهِ أَن يَطَّوَّفَ
بِهِمَا ۚ وَمَن تَطَوَّعَ خَيْرًا فَإِنَّ اللَّهَ شَاكِرٌ عَلِيمٌ ﴿158﴾ إِنَّ الَّذِينَ
يَكْتُمُونَ مَا أَنزَلْنَا مِنَ الْبَيِّنَاتِ وَالْهُدَىٰ مِن بَعْدِ مَا بَيَّنَّاهُ
لِلنَّاسِ فِي الْكِتَابِ ۙ أُولَٰئِكَ يَلْعَنُهُمُ اللَّهُ وَيَلْعَنُهُمُ اللَّاعِنُونَ
﴿159﴾ إِلَّا الَّذِينَ تَابُوا وَأَصْلَحُوا وَبَيَّنُوا فَأُولَٰئِكَ أَتُوبُ
عَلَيْهِمْ ۚ وَأَنَا التَّوَّابُ الرَّحِيمُ ﴿160﴾ إِنَّ الَّذِينَ كَفَرُوا وَمَاتُوا وَهُمْ
كُفَّارٌ أُولَٰئِكَ عَلَيْهِمْ لَعْنَةُ اللَّهِ وَالْمَلَائِكَةِ وَالنَّاسِ أَجْمَعِينَ
﴿161﴾ خَالِدِينَ فِيهَا ۖ لَا يُخَفَّفُ عَنْهُمُ الْعَذَابُ وَلَا هُمْ يُنظَرُونَ
﴿162﴾ وَإِلَٰهُكُمْ إِلَٰهٌ وَاحِدٌ ۖ لَّا إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ الرَّحْمَٰنُ الرَّحِيمُ ﴿163﴾

ربع الحزب 3

154. Tgħidux li dawk li nqatlu għal Alla huma mejtin, imma ħajjin. Iżda intom ma tintebħux *(b'dan)*.

155. Tassew li se nġarrbukom b'xi biża', b'ġuħ, u b'nuqqas ta' ġid, ħajjiet u frott. Agħti *(Muħammad)* il-bxara t-tajba lil dawk li jistabru.

156. Dawk li meta jiġihom xi għawġ kbir jgħidu: "Aħna tabilħaqq ta' Alla, u aħna lejh nerġgħu lura."

157. Dawk fuqhom hemm barkiet u ħniena minn Sidhom. Dawk huma li jimxu fit-triq it-tajba.

158. Tabilħaqq li 'aṣ-Ṣafā u l-Marwā[32] huma fost is-simboli ta' *(il-qima lejn)* Alla. Min imur għall-*ħaġġ (jew pellegrinaġġ lejn)* id-dar *(il-Kagħba)*, jew jagħmel l-*għumra*,[33] ma jkollu ebda ħtija jekk iterraq bejniethom. Min jagħmel il-ġid minn jeddu, tabilħaqq li Alla jrodd il-ħajr u jaf kollox.

159. Tabilħaqq li dawk li jaħbu s-sinjali ċ-ċari li niżżilna, u t-tmexxija t-tajba, wara li wrejnieha biċ-ċar lin-nies fil-Ktieb, dawk Alla għad jisħethom, u jisħtuhom *(l-anġli u l-fidili)* li jisħtu,

160. ħlief dawk li jindmu, jinbidlu għall-aħjar u jxandru s-sewwa. Dawn indur fuqhom bil-maħfra għaliex Jiena ndur kollni maħfra, il-Ħanin.

161. Dawk li ma jemmnux, u jmutu bla twemmin, dawk fuqhom *(ikollhom)* is-saħta ta' Alla, ta' l-anġli u tan-nies kollha.

162. Huma jibqgħu fih *(in-Nar)* għal dejjem; il-kastig *(tagħhom)* ma jitħaffilhomx u lanqas jingħataw nifs *(biex jistrieħu xi ftit minnu)*.

163. Alla tagħkom huwa Alla Wieħed. Ma hemmx alla ħliefu – Kollu Ħniena, il-Ħanin.

---

[32] 'Aṣ-Ṣafā u l-Marwā huma l-ismijiet ta' żewġ għoljiet fil-Lvant tal-Moskea mqaddsa f'Mekka. Ara t-Tagħrif Ġenerali.

[33] *'al-ħaġġ*, u *'al-għumra*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

إِنَّ فِي خَلْقِ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَٱخْتِلَٰفِ ٱلَّيْلِ وَٱلنَّهَارِ
وَٱلْفُلْكِ ٱلَّتِي تَجْرِي فِي ٱلْبَحْرِ بِمَا يَنفَعُ ٱلنَّاسَ وَمَآ أَنزَلَ ٱللَّهُ
مِنَ ٱلسَّمَآءِ مِن مَّآءٍ فَأَحْيَا بِهِ ٱلْأَرْضَ بَعْدَ مَوْتِهَا وَبَثَّ فِيهَا
مِن كُلِّ دَآبَّةٍ وَتَصْرِيفِ ٱلرِّيَٰحِ وَٱلسَّحَابِ ٱلْمُسَخَّرِ
بَيْنَ ٱلسَّمَآءِ وَٱلْأَرْضِ لَءَايَٰتٍ لِّقَوْمٍ يَعْقِلُونَ ﴿164﴾ وَمِنَ
ٱلنَّاسِ مَن يَتَّخِذُ مِن دُونِ ٱللَّهِ أَندَادًا يُحِبُّونَهُمْ كَحُبِّ ٱللَّهِ ۖ
وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ أَشَدُّ حُبًّا لِّلَّهِ ۗ وَلَوْ يَرَى ٱلَّذِينَ ظَلَمُوٓا۟ إِذْ يَرَوْنَ
ٱلْعَذَابَ أَنَّ ٱلْقُوَّةَ لِلَّهِ جَمِيعًا وَأَنَّ ٱللَّهَ شَدِيدُ ٱلْعَذَابِ ﴿165﴾
إِذْ تَبَرَّأَ ٱلَّذِينَ ٱتُّبِعُوا۟ مِنَ ٱلَّذِينَ ٱتَّبَعُوا۟ وَرَأَوُا۟ ٱلْعَذَابَ
وَتَقَطَّعَتْ بِهِمُ ٱلْأَسْبَابُ ﴿166﴾ وَقَالَ ٱلَّذِينَ ٱتَّبَعُوا۟ لَوْ أَنَّ
لَنَا كَرَّةً فَنَتَبَرَّأَ مِنْهُمْ كَمَا تَبَرَّءُوا۟ مِنَّا ۗ كَذَٰلِكَ يُرِيهِمُ ٱللَّهُ
أَعْمَٰلَهُمْ حَسَرَٰتٍ عَلَيْهِمْ ۖ وَمَا هُم بِخَٰرِجِينَ مِنَ ٱلنَّارِ ﴿167﴾
يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ كُلُوا۟ مِمَّا فِي ٱلْأَرْضِ حَلَٰلًا طَيِّبًا وَلَا تَتَّبِعُوا۟
خُطُوَٰتِ ٱلشَّيْطَٰنِ ۚ إِنَّهُۥ لَكُمْ عَدُوٌّ مُّبِينٌ ﴿168﴾ إِنَّمَا يَأْمُرُكُم
بِٱلسُّوٓءِ وَٱلْفَحْشَآءِ وَأَن تَقُولُوا۟ عَلَى ٱللَّهِ مَا لَا تَعْلَمُونَ ﴿169﴾

164. Tabilħaqq li fil-ħolqien tas-smewwiet u ta' l-art, fid-dawrien *(wara xulxin)* tal-lejl u tan-nhar, fl-iġfna li jiġru fil-baħar b'dak li hu ta' fejda għan-nies, fl-ilma li Alla jniżżel mis-sema u bih jagħti l-ħajja lill-art wara mewtha, u jxerred fiha kull għamla ta' bhejjem, u fit-taqlib ta' l-irjieħ, u fis-sħab li jinsaq bejn is-sema u l-art, *(f'dan kollu hemm)* sinjali għal nies bil-għaqal.

165. *(Madanakollu)* hemm xi nies li minflok lil Alla jieħdu *(għall-qima)* idoli *(jew xbihat li mingħalihom)* iħabbtuha miegħu, u jħobbuhom bl-imħabba *(li tixraq)* lil Alla. Iżda dawk li jemmnu huma aqwa fl-imħabba lejn Alla. U kieku dawk li jagħmlu l-ħażen kellhom jaraw il-kastig *(ta' Jum il-Qawmien u jifhmu)* illi l-qawwa kollha hija ta' Alla, u Alla Qalil fil-kastig. *(żgur jaraw ħwejjeġ tal-biża')*

166. *(dakinhar)* meta dawk li kellhom min jimxi warajhom jiċħdu lil dawk li mxew warajhom, u jaraw il-kastig, u dak li jgħaqqadhom jitqatta' *(fix-xejn)*.

167. Dawk li mxew wara *(ħaddieħor)* jgħidu: "Li kieku kellna nerġgħu lura *(għall-ħajja fid-dinja)*, konna niċħduhom *(lill-mexxejja ħżiena tagħna)*, bħalma ċaħduna." Hekk ukoll Alla jurihom l-għemejjel tagħhom *(li jkunu)* ta' ħasra għalihom. Huma ma humiex ħerġin min-Nar!

168. Kulu, ja nies, minn dak li hemm fl-art, li jiswa li jittiekel u hu tajjeb, u la timxux fil-passi tax-Xitan, għaliex huwa, tabilħaqq, għadu fil-beraħ tagħkom.

169. Huwa jamrilkom biss il-ħażen u l-faħx, u li tgħidu dwar Alla dak li ma tafux.

وَإِذَا قِيلَ لَهُمُ اتَّبِعُوا مَا أَنزَلَ اللَّهُ قَالُوا بَلْ نَتَّبِعُ مَا أَلْفَيْنَا عَلَيْهِ
آبَاءَنَا ۗ أَوَلَوْ كَانَ آبَاؤُهُمْ لَا يَعْقِلُونَ شَيْئًا وَلَا
يَهْتَدُونَ ﴿170﴾ وَمَثَلُ الَّذِينَ كَفَرُوا كَمَثَلِ الَّذِي يَنْعِقُ
بِمَا لَا يَسْمَعُ إِلَّا دُعَاءً وَنِدَاءً ۚ صُمٌّ بُكْمٌ عُمْيٌ فَهُمْ لَا يَعْقِلُونَ
﴿171﴾ يَا أَيُّهَا الَّذِينَ آمَنُوا كُلُوا مِن طَيِّبَاتِ مَا رَزَقْنَاكُمْ
وَاشْكُرُوا لِلَّهِ إِن كُنتُمْ إِيَّاهُ تَعْبُدُونَ ﴿172﴾ إِنَّمَا حَرَّمَ
عَلَيْكُمُ الْمَيْتَةَ وَالدَّمَ وَلَحْمَ الْخِنزِيرِ وَمَا أُهِلَّ بِهِ
لِغَيْرِ اللَّهِ ۖ فَمَنِ اضْطُرَّ غَيْرَ بَاغٍ وَلَا عَادٍ فَلَا إِثْمَ عَلَيْهِ ۚ إِنَّ اللَّهَ
غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿173﴾ إِنَّ الَّذِينَ يَكْتُمُونَ مَا أَنزَلَ اللَّهُ مِنَ
الْكِتَابِ وَيَشْتَرُونَ بِهِ ثَمَنًا قَلِيلًا ۙ أُولَٰئِكَ مَا يَأْكُلُونَ
فِي بُطُونِهِمْ إِلَّا النَّارَ وَلَا يُكَلِّمُهُمُ اللَّهُ يَوْمَ الْقِيَامَةِ
وَلَا يُزَكِّيهِمْ وَلَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿174﴾ أُولَٰئِكَ الَّذِينَ
اشْتَرَوُا الضَّلَالَةَ بِالْهُدَىٰ وَالْعَذَابَ بِالْمَغْفِرَةِ ۚ فَمَا
أَصْبَرَهُمْ عَلَى النَّارِ ﴿175﴾ ذَٰلِكَ بِأَنَّ اللَّهَ نَزَّلَ الْكِتَابَ
بِالْحَقِّ ۗ وَإِنَّ الَّذِينَ اخْتَلَفُوا فِي الْكِتَابِ لَفِي شِقَاقٍ بَعِيدٍ ﴿176﴾

170. Meta jintqalilhom *(lill-pagani)*: "Imxu fuq dak li Alla niżżel," huma jgħidu: "Le! Imma *(aħna rridu)* nimxu fuq dak li fih sibna lil missirijietna." Kif? Anki jekk missirijiethom ma jifhmu xejn, u lanqas jimxu fit-triq it-tajba?

171. Dawk li ma jemmnux *(u dawk li jsejħulhom għat-twemmin)* jixbhu lil dak *(ir-raġħaj)* li jgħajjat *(lill-merħla tiegħu)* li ma tismax għajr sejħa u għajta. *(Dawn)* torox, imbikkma, u għomja u għalhekk ma jifhmux.

172. Intom li temmnu, kulu mill-ħwejjeġ tajba li tajniekom, u roddu ħajr lil Alla, jekk *(tassew)* lilu tqimu.

173. Huwa ma għamilx ma jiswiex għalikom ħlief *(il-laħam)* ta' annimali mejta, id-demm, laħam il-ħanżir, u kulma kien offrut *(lill-idoli)* minflok lil Alla. Iżda min ikollu *(jiekol minn dan l-ikel minħabba l-ħtieġa)*, u huwa ma jixtiqux, *(u meta jieklu)* ma jaqbiżx il-limiti, ma jkollu ebda ħtija. Alla tabilħaqq Kollu Maħfra, Ħanin.

174. Tassew dawk li jaħbu dak li Alla niżżel fil-Ktieb, u jaqilgħu bih *(b'dan il-ħabi)* qligħ irħis, dawk ma jiklux f'żaqqhom għajr in-nar, u la jkellimhom Alla f'Jum il-Qawmien, u lanqas isaffihom *(mit-tingis tad-dnub)*. Għalihom hemm kastig ta' wġigħ kbir.

175. Dawk huma li xtraw it-telfien bi *(il-prezz ta')* it-tmexxija t-tajba, u l-kastig bi *(il-prezz ta')* il-maħfra. Kemm jifilħu jistabru fin-Nar!

176. Dan minħabba li Alla niżżel il-Ktieb *(it-Torā)* bis-sewwa. U tabilħaqq dawk li ma qablux fuq il-Ktieb *(jinsabu)* f'firda kbira *(u 'l bogħod mis-sewwa)*.

نصف الحزب 3

۞ لَّيْسَ الْبِرَّ أَن تُوَلُّوا۟ وُجُوهَكُمْ قِبَلَ الْمَشْرِقِ وَالْمَغْرِبِ وَلَٰكِنَّ
الْبِرَّ مَنْ ءَامَنَ بِاللَّهِ وَالْيَوْمِ الْءَاخِرِ وَالْمَلَٰٓئِكَةِ وَالْكِتَٰبِ
وَالنَّبِيِّۦنَ وَءَاتَى الْمَالَ عَلَىٰ حُبِّهِۦ ذَوِى الْقُرْبَىٰ وَالْيَتَٰمَىٰ
وَالْمَسَٰكِينَ وَابْنَ السَّبِيلِ وَالسَّآئِلِينَ وَفِى الرِّقَابِ وَأَقَامَ
الصَّلَوٰةَ وَءَاتَى الزَّكَوٰةَ وَالْمُوفُونَ بِعَهْدِهِمْ إِذَا عَٰهَدُوا۟ ۖ
وَالصَّٰبِرِينَ فِى الْبَأْسَآءِ وَالضَّرَّآءِ وَحِينَ الْبَأْسِ ۗ أُو۟لَٰٓئِكَ الَّذِينَ
صَدَقُوا۟ ۖ وَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ الْمُتَّقُونَ ﴿177﴾ يَٰٓأَيُّهَا الَّذِينَ ءَامَنُوا۟ كُتِبَ
عَلَيْكُمُ الْقِصَاصُ فِى الْقَتْلَى ۖ الْحُرُّ بِالْحُرِّ وَالْعَبْدُ بِالْعَبْدِ وَالْأُنثَىٰ
بِالْأُنثَىٰ ۚ فَمَنْ عُفِىَ لَهُۥ مِنْ أَخِيهِ شَىْءٌ فَاتِّبَاعٌۢ بِالْمَعْرُوفِ وَأَدَآءٌ
إِلَيْهِ بِإِحْسَٰنٍ ۗ ذَٰلِكَ تَخْفِيفٌ مِّن رَّبِّكُمْ وَرَحْمَةٌ ۗ فَمَنِ اعْتَدَىٰ
بَعْدَ ذَٰلِكَ فَلَهُۥ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿178﴾ وَلَكُمْ فِى الْقِصَاصِ حَيَوٰةٌ
يَٰٓأُو۟لِى الْأَلْبَٰبِ لَعَلَّكُمْ تَتَّقُونَ ﴿179﴾ كُتِبَ عَلَيْكُمْ
إِذَا حَضَرَ أَحَدَكُمُ الْمَوْتُ إِن تَرَكَ خَيْرًا ۖ الْوَصِيَّةُ لِلْوَٰلِدَيْنِ
وَالْأَقْرَبِينَ بِالْمَعْرُوفِ ۖ حَقًّا عَلَى الْمُتَّقِينَ ﴿180﴾ فَمَنۢ بَدَّلَهُۥ
بَعْدَ مَا سَمِعَهُۥ فَإِنَّمَآ إِثْمُهُۥ عَلَى الَّذِينَ يُبَدِّلُونَهُۥٓ ۚ إِنَّ اللَّهَ سَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿181﴾

177. It-tjieba ma hijiex li ddawru wiċċkom lejn il-Lvant u l-Punent, iżda t-tjieba hija ta' min jemmen f'Alla, fl-Aħħar Jum, fl-anġli, fil-Ktieb, fil-Profeti, jagħti l-ġid – minkejja li jħobbu – lill-qraba, lill-iltiema, lill-fqar, lil min iterraq, lit-tallaba, *(għall-fidwa)* ta' l-ilsiera, jagħmel it-talb u jagħti l-karità; *(huma dawk li)* iżommu l-wegħda tagħhom kull meta jwiegħdu, li jistabru fit-taħbit, fil-ħsara u fi żmien ta' gwerra. Dawn huma nies li jemmnu tassew u li għandhom il-biża' ta' Alla.

178. Intom li temmnu, hija miktuba għalikom *(il-liġi ta')* it-tpattija għall-maqtulin; il-ħieles għall-ħieles, l-ilsir għall-ilsir, u l-mara għall-mara. Meta dak *(il-ħati)* li nħafirlu xi ħaġa minn *(jeddijiet)* ħuh *(fil-fidi, billi l-qarib li jieħu ħsieb il-maqtul jaqbel li l-ħati ma jinqatilx, imma għandu jħallas kumpens, dan il-qarib)* għandu jitlob kumpens b'mod tajjeb, u l-ħati *(lill-qarib)* għandu jagħtih ħlas xieraq. Dan sar minn Sidkom biex iħaffef *(it-toqol tagħkom)* u juri ħniena. Min, wara dan *(il-ħlas tal-kumpens)*, joffendi *(lill-ħati)*, se jkollu kastig ta' wġigħ kbir.

179. Fi *(il-liġi ta')* it-tpattija hemm il-ħajja għalikom, ja nies ta' dehen, biex forsi jkollkom il-biża' ta' Alla.

180. Huwa miktub għalikom li meta l-mewt tasal għand xi ħadd minnkom, jekk *(dan)* iħalli warajh xi ġid, għandu jagħmel testment *(biex jagħti minn ġidu)* lill-ġenituri u lill-qraba, kif jixraq. Dan hu d-dmir ta' kulmin jibża' minn Alla.

181. U min ibiddlu *(it-testment)* wara li jisimgħu, il-ħtija ta' dan *(il-bdil)* tkun biss fuq dawk li biddluh. Alla tabilħaqq jisma' kollox u jaf kollox.

فَمَنْ خَافَ مِن مُّوصٍ جَنَفًا أَوْ إِثْمًا فَأَصْلَحَ بَيْنَهُمْ فَلَآ إِثْمَ
عَلَيْهِ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿182﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ كُتِبَ
عَلَيْكُمُ ٱلصِّيَامُ كَمَا كُتِبَ عَلَى ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِكُمْ
لَعَلَّكُمْ تَتَّقُونَ ﴿183﴾ أَيَّامًا مَّعْدُودَٰتٍ ۚ فَمَن كَانَ مِنكُم
مَّرِيضًا أَوْ عَلَىٰ سَفَرٍ فَعِدَّةٌ مِّنْ أَيَّامٍ أُخَرَ ۚ وَعَلَى ٱلَّذِينَ
يُطِيقُونَهُۥ فِدْيَةٌ طَعَامُ مِسْكِينٍ ۖ فَمَن تَطَوَّعَ خَيْرًا فَهُوَ خَيْرٌ
لَّهُۥ ۚ وَأَن تَصُومُوا۟ خَيْرٌ لَّكُمْ ۖ إِن كُنتُمْ تَعْلَمُونَ ﴿184﴾ شَهْرُ
رَمَضَانَ ٱلَّذِىٓ أُنزِلَ فِيهِ ٱلْقُرْءَانُ هُدًى لِّلنَّاسِ
وَبَيِّنَٰتٍ مِّنَ ٱلْهُدَىٰ وَٱلْفُرْقَانِ ۚ فَمَن شَهِدَ مِنكُمُ ٱلشَّهْرَ
فَلْيَصُمْهُ ۖ وَمَن كَانَ مَرِيضًا أَوْ عَلَىٰ سَفَرٍ فَعِدَّةٌ مِّنْ
أَيَّامٍ أُخَرَ ۗ يُرِيدُ ٱللَّهُ بِكُمُ ٱلْيُسْرَ وَلَا يُرِيدُ بِكُمُ
ٱلْعُسْرَ وَلِتُكْمِلُوا۟ ٱلْعِدَّةَ وَلِتُكَبِّرُوا۟ ٱللَّهَ عَلَىٰ مَا
هَدَىٰكُمْ وَلَعَلَّكُمْ تَشْكُرُونَ ﴿185﴾ وَإِذَا سَأَلَكَ
عِبَادِى عَنِّى فَإِنِّى قَرِيبٌ ۖ أُجِيبُ دَعْوَةَ ٱلدَّاعِ إِذَا دَعَانِ ۖ
فَلْيَسْتَجِيبُوا۟ لِى وَلْيُؤْمِنُوا۟ بِى لَعَلَّهُمْ يَرْشُدُونَ ﴿186﴾

182. U min jibża' *(li jista' jsir xi żball, u jkun hemm)* xi nuqqas ta' ħaqq jew xi ħtija *(oħra ġejja)* minn dak li jagħmel it-testment, u jsewwi *(l-inkwiet ta')* bejniethom *(bejn sid it-testment u l-werrieta)*, ma jkunx ħati *(jekk ikun sar xi tibdil fit-testment, għaliex dan ikun sar biex tinżamm il-paċi u biex issir ġustizzja)*. Alla tabilħaqq Kollu Maħfra, u Ħanin.

183. Intom li temmnu, huwa miktub għalikom is-sawm, bħalma nkiteb għal dawk ta' qabilkom, biex forsi jkollkom il-biża' ta' Alla.

184. *(Huwa sawm)* għal xi jiem magħduda, u min minnkom ikun marid, jew f'safar, *(jista' ma jsumx, jekk irid, iżda għandu jsum)* għall-istess għadd ta' jiem oħra *(wara)*. U għal dawk li jistgħu *(isumu, iżda bi tbatija kbira, għaliex xjuħ jew morda wisq, dawn hemm għalihom)* fidwa: li jitimgħu bniedem fqir *(ta' kull jum illi ma samux)*. Ikun aħjar li wieħed jagħmel il-ġid minn jeddu. Huwa aħjar li ssumu, li kieku kontu tafu.

185. Xahar *Ramaḍān (huwa x-xahar)* li fih tniżżel il-Qoran bħala tmexxija tajba lin-nies, *(u l-Qoran huwa Ktieb)* b'sinjali ċari *(li juru din)* it-tmexxija u l-Qjies *(bejn it-tajjeb u l-ħażin)*. Għalhekk min minnkom ikun jinsab *(f'daru u f'pajjiżu)* matul dak ix-xahar, għandu jsumu. Iżda min ikun marid jew f'safar, *(jista' ma jsumx, jekk irid, iżda għandu jsum għall-istess)* għadd ta' jiem oħra *(wara)*. Alla jridilkom il-ħafif u ma jridilkomx it-toqol, biex ittemmu ż-żmien maħsub *(għas-sawm)* u biex tfaħħru lil Alla talli mexxiekom fit-triq it-tajba, u biex forsi tiżżu ħajr.

186. Meta l-qaddejja tiegħi jistaqsuk *(Muħammad)* fuqi, *(għidilhom li)* Jiena tassew fil-qrib. Jiena nwieġeb it-talba ta' min jitlob, kull meta jsejjaħli. Huma għandhom iweġbuni *(meta nsejħilhom)* u għandhom jemmnu fija, biex forsi jimxu fit-triq it-tajba!

أُحِلَّ لَكُمْ لَيْلَةَ ٱلصِّيَامِ ٱلرَّفَثُ إِلَىٰ نِسَآئِكُمْ ۚ هُنَّ لِبَاسٌ
لَّكُمْ وَأَنتُمْ لِبَاسٌ لَّهُنَّ ۗ عَلِمَ ٱللَّهُ أَنَّكُمْ كُنتُمْ تَخْتَانُونَ
أَنفُسَكُمْ فَتَابَ عَلَيْكُمْ وَعَفَا عَنكُمْ ۖ فَٱلْـَٰٔنَ بَٰشِرُوهُنَّ
وَٱبْتَغُوا۟ مَا كَتَبَ ٱللَّهُ لَكُمْ ۚ وَكُلُوا۟ وَٱشْرَبُوا۟ حَتَّىٰ يَتَبَيَّنَ لَكُمُ
ٱلْخَيْطُ ٱلْأَبْيَضُ مِنَ ٱلْخَيْطِ ٱلْأَسْوَدِ مِنَ ٱلْفَجْرِ ۖ ثُمَّ أَتِمُّوا۟ ٱلصِّيَامَ
إِلَى ٱلَّيْلِ ۚ وَلَا تُبَٰشِرُوهُنَّ وَأَنتُمْ عَٰكِفُونَ فِى ٱلْمَسَٰجِدِ ۗ
تِلْكَ حُدُودُ ٱللَّهِ فَلَا تَقْرَبُوهَا ۗ كَذَٰلِكَ يُبَيِّنُ ٱللَّهُ ءَايَٰتِهِۦ
لِلنَّاسِ لَعَلَّهُمْ يَتَّقُونَ ﴿187﴾ وَلَا تَأْكُلُوٓا۟ أَمْوَٰلَكُم بَيْنَكُم
بِٱلْبَٰطِلِ وَتُدْلُوا۟ بِهَآ إِلَى ٱلْحُكَّامِ لِتَأْكُلُوا۟ فَرِيقًا مِّنْ
أَمْوَٰلِ ٱلنَّاسِ بِٱلْإِثْمِ وَأَنتُمْ تَعْلَمُونَ ﴿188﴾ ۞ يَسْـَٔلُونَكَ
عَنِ ٱلْأَهِلَّةِ ۖ قُلْ هِىَ مَوَٰقِيتُ لِلنَّاسِ وَٱلْحَجِّ ۗ وَلَيْسَ ٱلْبِرُّ
بِأَن تَأْتُوا۟ ٱلْبُيُوتَ مِن ظُهُورِهَا وَلَٰكِنَّ ٱلْبِرَّ مَنِ ٱتَّقَىٰ ۗ
وَأْتُوا۟ ٱلْبُيُوتَ مِنْ أَبْوَٰبِهَا ۚ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ لَعَلَّكُمْ
تُفْلِحُونَ ﴿189﴾ وَقَٰتِلُوا۟ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ ٱلَّذِينَ يُقَٰتِلُونَكُمْ
وَلَا تَعْتَدُوٓا۟ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يُحِبُّ ٱلْمُعْتَدِينَ ﴿190﴾

ثلاثة أرباع الحزب 3

187. F'lejlet is-sawm jiswa li tersqu lejn in-nisa tagħkom. Huma lbies għalikom, u intom ilbies għalihom. Alla jaf li intom kontu tqarrqu bikom infuskom *(f'din il-ħaġa)*, laqa' l-indiema tagħkom u ħafrilkom. Mela issa ersqu lejhom *(in-nisa tagħkom)*, u fittxu dak li Alla kitbilkom, u kulu u ixorbu sa ma tagħrfu l-ħajt l-abjad mill-ħajt l-iswed tas-sebħ. Imbagħad temmu s-sawm sal-lejl *(jiġifieri sa nżul ix-xemx)*, u la tersqux lejhom *(in-nisa tagħkom)* meta tkunu għamiltu wegħda li toqogħdu fil-moskej. Dawk huma l-limiti ta' Alla, u għalhekk la toqorbux lejhom. Hekk Alla juri biċ-ċar is-sinjali tiegħu lin-nies biex forsi jibżgħu minnu.

188. La tiklux ġidkom bejnietkom bil-ħażen, u lanqas tgħadduh lill-imħallfin *(biex tixtruhom)*, biex *(b'hekk)* tieklu, bil-ħtija, biċċa minn ġid in-nies, meta intom tafu *(li ma għandkomx tagħmlu hekk)*.

189. Jistaqsuk *(Muħammad)* dwar kull qamar ġdid. Għid*(ilhom)*: "Dawn żminijiet għan-nies u għall-*ħaġġ*." Ma hijiex tjieba li tidħlu d-djar minn wara *(bħal fi żmien il-pagani)*, iżda t-tjieba hija li tibżgħu *(minn Alla)*. Idħlu d-djar minn bwiebhom, u ibżgħu minn Alla biex forsi tkunu rebbiħin.

190. Tqatlu għal Alla ma' dawk li jitqatlu kontrikom, u la tagħmlux aggressjoni. Alla tabilħaqq ma jħobbx lill-aggressuri.

وَاقْتُلُوهُمْ حَيْثُ ثَقِفْتُمُوهُمْ وَأَخْرِجُوهُم مِّنْ حَيْثُ أَخْرَجُوكُمْ ۚ وَالْفِتْنَةُ
أَشَدُّ مِنَ الْقَتْلِ ۚ وَلَا تُقَاتِلُوهُمْ عِندَ الْمَسْجِدِ الْحَرَامِ حَتَّىٰ يُقَاتِلُوكُمْ
فِيهِ ۖ فَإِن قَاتَلُوكُمْ فَاقْتُلُوهُمْ ۗ كَذَٰلِكَ جَزَاءُ الْكَافِرِينَ ﴿191﴾ فَإِنِ انتَهَوْا
فَإِنَّ اللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿192﴾ وَقَاتِلُوهُمْ حَتَّىٰ لَا تَكُونَ فِتْنَةٌ وَيَكُونَ
الدِّينُ لِلَّهِ ۖ فَإِنِ انتَهَوْا فَلَا عُدْوَانَ إِلَّا عَلَى الظَّالِمِينَ ﴿193﴾ الشَّهْرُ الْحَرَامُ
بِالشَّهْرِ الْحَرَامِ وَالْحُرُمَاتُ قِصَاصٌ ۚ فَمَنِ اعْتَدَىٰ عَلَيْكُمْ فَاعْتَدُوا
عَلَيْهِ بِمِثْلِ مَا اعْتَدَىٰ عَلَيْكُمْ ۚ وَاتَّقُوا اللَّهَ وَاعْلَمُوا أَنَّ اللَّهَ مَعَ
الْمُتَّقِينَ ﴿194﴾ وَأَنفِقُوا فِي سَبِيلِ اللَّهِ وَلَا تُلْقُوا بِأَيْدِيكُمْ إِلَى التَّهْلُكَةِ ۛ
وَأَحْسِنُوا ۛ إِنَّ اللَّهَ يُحِبُّ الْمُحْسِنِينَ ﴿195﴾ وَأَتِمُّوا الْحَجَّ وَالْعُمْرَةَ لِلَّهِ ۚ
فَإِنْ أُحْصِرْتُمْ فَمَا اسْتَيْسَرَ مِنَ الْهَدْيِ ۖ وَلَا تَحْلِقُوا رُءُوسَكُمْ حَتَّىٰ يَبْلُغَ
الْهَدْيُ مَحِلَّهُ ۚ فَمَن كَانَ مِنكُم مَّرِيضًا أَوْ بِهِ أَذًى مِّن رَّأْسِهِ فَفِدْيَةٌ
مِّن صِيَامٍ أَوْ صَدَقَةٍ أَوْ نُسُكٍ ۚ فَإِذَا أَمِنتُمْ فَمَن تَمَتَّعَ بِالْعُمْرَةِ إِلَى الْحَجِّ
فَمَا اسْتَيْسَرَ مِنَ الْهَدْيِ ۚ فَمَن لَّمْ يَجِدْ فَصِيَامُ ثَلَاثَةِ أَيَّامٍ فِي الْحَجِّ وَسَبْعَةٍ
إِذَا رَجَعْتُمْ ۗ تِلْكَ عَشَرَةٌ كَامِلَةٌ ۗ ذَٰلِكَ لِمَن لَّمْ يَكُنْ أَهْلُهُ حَاضِرِي
الْمَسْجِدِ الْحَرَامِ ۚ وَاتَّقُوا اللَّهَ وَاعْلَمُوا أَنَّ اللَّهَ شَدِيدُ الْعِقَابِ ﴿196﴾

191. Oqtluhom kull fejn issibuhom *(lil dawk li jitqatlu kontrikom)*, u oħorġuhom minn fejn ħarġukom, għaliex it-tiġrib *(tal-persekuzzjoni)* hu agħar mill-qtil. U titqatlux magħhom fil-Moskea mqaddsa, ħlief jekk *(ikunu huma l-ewwel li)* jitqatlu magħkom fiha, iżda jekk jitqatlu magħkom, oqtluhom! Hekk ikun il-ħlas ta' dawk *(l-aggressuri)* li m'emmnux.

192. Iżda jekk jieqfu *(mill-ġlied)*, Alla Kollu Maħfra, u Ħanin.

193. Tqatlu magħhom sa ma jintemm it-tiġrib *(tal-persekuzzjoni)*, u l-qima tkun ta' Alla. Iżda jekk jieqfu, ma għandux ikun hemm ostilità għajr kontra l-ħżiena.

194. Ix-xahar projbit bix-xahar projbit, u l-ħwejjeġ projbiti *(ukoll jaqgħu taħt il-liġi)* tat-tpattija. Għalhekk min jaħbat għalikom, aħbtu għalih bħalma ħabat għalikom. Ibżgħu minn Alla, u kunu afu li Alla ma' dawk li jibżgħu minnu.

195. Onfqu għal Alla u la tintremewx fil-qerda b'idejkom *(stess, għaliex ma tagħtux karità)*. Agħmlu t-tajjeb; Alla tabilħaqq iħobb lil dawk li jagħmlu t-tajjeb.

196. Agħmlu u temmu l-*ħaġġ* u l-*għumra (il-pellegrinaġġ iż-żgħir)* għal Alla. Iżda jekk tkunu miżmumin *(milli tkompluhom minħabba mard jew għal xi raġuni serja oħra)*, mela offru *(xi ħaruf, baqra jew ġemel bħala)* sagrifiċċju, skond kemm tistgħu, u la tqaxxrux irjuskom sa ma s-sagrifiċċju jasal fejn għandu jasal. Min minnkom ikun marid, jew għandu marda *(fil-ġilda)* ta' rasu *(li tkun titlob it-tqaxxir tax-xagħar, għandu jpatti u)* jifdi *(dan l-għemil)* bis-sawm *(għal tlett ijiem)*, jew b'karità *(lil sitt persuni fqar u jitmagħhom)*, jew joffri sagrifiċċju. Meta tkunu fi żmien ta' sliem, min jogħġbu jgħaqqad l-*għumra* mal-*ħaġġ* ikollu joffri sagrifiċċju skond kemm jista', iżda min ma jsibx *(kif jagħmel sagrifiċċju, għaliex ma għandux flus, għandu jagħmel)* sawm ta' tlett ijiem fil-*ħaġġ*, u ta' sebat ijiem meta jerġa' lura; b'kollox għaxart *(ijiem)* sħaħ. Dan *(is-sagrifiċċju jgħodd)* għal dak *(il-Mislem)* li niesu ma jinsabux *(jgħixu qrib)* il-Moskea mqaddsa. Ibżgħu minn Alla, u kunu afu li Alla huwa Qalil fil-kastig.

ٱلْحَجُّ أَشْهُرٌ مَّعْلُومَٰتٌ ۚ فَمَن فَرَضَ فِيهِنَّ ٱلْحَجَّ فَلَا رَفَثَ
وَلَا فُسُوقَ وَلَا جِدَالَ فِى ٱلْحَجِّ ۗ وَمَا تَفْعَلُوا۟ مِنْ خَيْرٍ
يَعْلَمْهُ ٱللَّهُ ۗ وَتَزَوَّدُوا۟ فَإِنَّ خَيْرَ ٱلزَّادِ ٱلتَّقْوَىٰ ۚ وَٱتَّقُونِ
يَٰٓأُو۟لِى ٱلْأَلْبَٰبِ ﴿197﴾ لَيْسَ عَلَيْكُمْ جُنَاحٌ أَن
تَبْتَغُوا۟ فَضْلًا مِّن رَّبِّكُمْ ۚ فَإِذَآ أَفَضْتُم مِّنْ
عَرَفَٰتٍ فَٱذْكُرُوا۟ ٱللَّهَ عِندَ ٱلْمَشْعَرِ ٱلْحَرَامِ ۖ
وَٱذْكُرُوهُ كَمَا هَدَىٰكُمْ وَإِن كُنتُم مِّن قَبْلِهِۦ
لَمِنَ ٱلضَّآلِّينَ ﴿198﴾ ثُمَّ أَفِيضُوا۟ مِنْ حَيْثُ أَفَاضَ
ٱلنَّاسُ وَٱسْتَغْفِرُوا۟ ٱللَّهَ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿199﴾
فَإِذَا قَضَيْتُم مَّنَاسِكَكُمْ فَٱذْكُرُوا۟ ٱللَّهَ كَذِكْرِكُمْ
ءَابَآءَكُمْ أَوْ أَشَدَّ ذِكْرًا ۗ فَمِنَ ٱلنَّاسِ مَن
يَقُولُ رَبَّنَآ ءَاتِنَا فِى ٱلدُّنْيَا وَمَا لَهُۥ فِى ٱلْءَاخِرَةِ مِنْ
خَلَٰقٍ ﴿200﴾ وَمِنْهُم مَّن يَقُولُ رَبَّنَآ ءَاتِنَا فِى ٱلدُّنْيَا
حَسَنَةً وَفِى ٱلْءَاخِرَةِ حَسَنَةً وَقِنَا عَذَابَ ٱلنَّارِ ﴿201﴾
أُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمْ نَصِيبٌ مِّمَّا كَسَبُوا۟ ۚ وَٱللَّهُ سَرِيعُ ٱلْحِسَابِ ﴿202﴾

197. Il-*ħaġġ (isir matul)* xhur magħrufa *(Xawwāl, ḏū l-Qagħda u ḏū l-Ħiġġa)*. Għal min qatagħha li jagħmel il-*ħaġġ* fihom, ma hemmx kliem faħxi jew taħlit ma' nisa, la ħażen u lanqas tilwim fil-*ħaġġ*. Kull ġid li tagħmlu, Alla jaf bih. Ħudu l-meħtieġ għas-safar; tabilħaqq li l-aħjar ġid *(li tistgħu tieħdu magħkom)* huwa l-biża' ta' Alla. Ibżgħu minni, ja nies ta' dehen!

198. Ebda ħtija ma għandkom jekk tfittxu t-tjieba ta' Sidkom *(matul il-ħaġġ, billi tagħmlu xi xiri jew bejgħ)*. Meta titilqu bil-ħeffa minn *(l-għolja ta')* Għarafāt ftakru f'Alla qrib il-mafkar imqaddes *(fl-imkien imsejjaħ Mużdalifa)*.[34] Ftakru fih, kif mexxiekom fit-triq it-tajba, għalkemm qabel dan kontu tliftu t-triq.

199. Imbagħad itilqu bil-ħeffa minn fejn jitilqu n-nies *(minn Għarafāt)*, u itolbu l-maħfra ta' Alla. Alla tabilħaqq Kollu Maħfra u Ħanin.

200. Meta ttemmu r-riti mqaddsa tagħkom *(tal-ħaġġ)*, ftakru f'Alla bħalma kontu tiftakru f'missirijietkom, jew aktar minn hekk. Hemm xi nies li jgħidu: "Sidna, agħtina *(il-ġid tiegħek)* f'*(din)* id-dinja," u *(min jgħid hekk)* ma għandu ebda sehem fl-Oħra *(fid-dinja l-Oħra)*.

201. Fosthom hemm min jgħid: "Sidna, agħtina dak li hu tajjeb *(kemm)* f'*(din)* id-dinja kif ukoll fl-Oħra, u ħarisna mit-tbatija tan-Nar."

202. Dawk għandhom sehem tajjeb *(imħejji għalihom)* minn dak li kisbu *(bl-imġiba tajba tagħhom f'ħajjithom)*. Alla malajr jagħmel il-kontijiet.

---

[34] Għarafāt u Mużdalifa: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

الحزب 4

۞ وَٱذْكُرُوا۟ ٱللَّهَ فِىٓ أَيَّامٍ مَّعْدُودَٰتٍ ۚ فَمَن تَعَجَّلَ فِى
يَوْمَيْنِ فَلَآ إِثْمَ عَلَيْهِ ۚ وَمَن تَأَخَّرَ فَلَآ إِثْمَ عَلَيْهِ ۚ لِمَنِ ٱتَّقَىٰ ۗ
وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّكُمْ إِلَيْهِ تُحْشَرُونَ ﴿203﴾ وَمِنَ
ٱلنَّاسِ مَن يُعْجِبُكَ قَوْلُهُۥ فِى ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا وَيُشْهِدُ ٱللَّهَ
عَلَىٰ مَا فِى قَلْبِهِۦ وَهُوَ أَلَدُّ ٱلْخِصَامِ ﴿204﴾ وَإِذَا تَوَلَّىٰ سَعَىٰ
فِى ٱلْأَرْضِ لِيُفْسِدَ فِيهَا وَيُهْلِكَ ٱلْحَرْثَ وَٱلنَّسْلَ ۗ وَٱللَّهُ
لَا يُحِبُّ ٱلْفَسَادَ ﴿205﴾ وَإِذَا قِيلَ لَهُ ٱتَّقِ ٱللَّهَ أَخَذَتْهُ ٱلْعِزَّةُ
بِٱلْإِثْمِ ۚ فَحَسْبُهُۥ جَهَنَّمُ ۚ وَلَبِئْسَ ٱلْمِهَادُ ﴿206﴾ وَمِنَ
ٱلنَّاسِ مَن يَشْرِى نَفْسَهُ ٱبْتِغَآءَ مَرْضَاتِ ٱللَّهِ ۗ وَٱللَّهُ
رَءُوفٌۢ بِٱلْعِبَادِ ﴿207﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ٱدْخُلُوا۟
فِى ٱلسِّلْمِ كَآفَّةً ۖ وَلَا تَتَّبِعُوا۟ خُطُوَٰتِ ٱلشَّيْطَٰنِ ۚ
إِنَّهُۥ لَكُمْ عَدُوٌّ مُّبِينٌ ﴿208﴾ فَإِن زَلَلْتُم مِّنۢ بَعْدِ
مَا جَآءَتْكُمُ ٱلْبَيِّنَٰتُ فَٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّ ٱللَّهَ عَزِيزٌ حَكِيمٌ
﴿209﴾ هَلْ يَنظُرُونَ إِلَّآ أَن يَأْتِيَهُمُ ٱللَّهُ فِى ظُلَلٍ مِّنَ ٱلْغَمَامِ
وَٱلْمَلَٰٓئِكَةُ وَقُضِىَ ٱلْأَمْرُ ۚ وَإِلَى ٱللَّهِ تُرْجَعُ ٱلْأُمُورُ ﴿210﴾

203. Ftakru f'Alla fi *(tlett)* ijiem magħduda *(fil-ħdax, fit-tnax, u fit-tlettax tax-xahar ta' d̲ū l-Ħiġġa f'Minā, ħdejn Mekka)*, u min jgħaġġel *(u jitlaq)* f'jumejn, ma jkollu ebda ħtija fuqu, u min joqgħod jiddawwar, ma hemmx ħtija fuqu min jibża' minn Alla. Mela ibżgħu minn Alla, u kunu afu li għandu għad tingabru *(fl-Aħħar Jum)*.

204. Fost in-nies *(Muħammad, hemm)* min jogħġbok kliemu f'din id-dinja, u jsejjaħ lil Alla xhud għal dak li għandu f'qalbu, minkejja li huwa l-aktar wieħed iebes fost l-għedewwa.

205. Meta *(imbagħad)* jagħti dahru *(u ma jagħtix widen)*, huwa jħabrek fl-art biex iġib ħsara fiha, u jeqred uċuħ ir-raba' u l-bhejjem. Alla ma jħobbx il-ħsara.

206. U meta jintqal lilu: "Ibża' minn Alla," il-kburija *(tiegħu)* twasslu għal ħtija *(oħra)*. L-Infern biżżejjed għalih u ta' għajb il-friex *(tiegħu fin-Nar)*.

207. Fost in-nies hemm min jagħti ħajtu biex ifittex li jogħġob lil Alla. Alla Kollu Tjubija mal-qaddejja *(tiegħu)*.

208. Intom li temmnu, idħlu *(fl-Islam u)* fis-sliem, ilkoll kemm intom, u la timxux fil-passi tax-Xitan, għaliex huwa tabilħaqq għadu fil-beraħ tagħkom.

209. Jekk żlaqtu *(u waqajtu fid-dnub)* wara li ġewkom is-sinjali ċari, mela kunu afu li Alla Qawwi u Għaref.

210. Jaqaw qegħdin jistennew biss li Alla jiġihom f'dellijiet is-sħab flimkien ma' l-anġli? *(B'hekk)* il-kwistjoni tkun inqatgħet. Kollox jerġa' lura għand Alla *(għall-ħaqq tiegħu)*.

سَلۡ بَنِيٓ إِسۡرَٰٓءِيلَ كَمۡ ءَاتَيۡنَٰهُم مِّنۡ ءَايَةم بَيِّنَةٖۗ وَمَن يُبَدِّلۡ نِعۡمَةَ
ٱللَّهِ مِنۢ بَعۡدِ مَا جَآءَتۡهُ فَإِنَّ ٱللَّهَ شَدِيدُ ٱلۡعِقَابِ ﴿211﴾ زُيِّنَ لِلَّذِينَ
كَفَرُواْ ٱلۡحَيَوٰةُ ٱلدُّنۡيَا وَيَسۡخَرُونَ مِنَ ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ وَٱلَّذِينَ
ٱتَّقَوۡاْ فَوۡقَهُمۡ يَوۡمَ ٱلۡقِيَٰمَةِۗ وَٱللَّهُ يَرۡزُقُ مَن يَشَآءُ بِغَيۡرِ حِسَابٖ
﴿212﴾ كَانَ ٱلنَّاسُ أُمَّةٗ وَٰحِدَةٗ فَبَعَثَ ٱللَّهُ ٱلنَّبِيِّـۧنَ مُبَشِّرِينَ
وَمُنذِرِينَ وَأَنزَلَ مَعَهُمُ ٱلۡكِتَٰبَ بِٱلۡحَقِّ لِيَحۡكُمَ بَيۡنَ ٱلنَّاسِ
فِيمَا ٱخۡتَلَفُواْ فِيهِۚ وَمَا ٱخۡتَلَفَ فِيهِ إِلَّا ٱلَّذِينَ أُوتُوهُ مِنۢ بَعۡدِ
مَا جَآءَتۡهُمُ ٱلۡبَيِّنَٰتُ بَغۡيَۢا بَيۡنَهُمۡۖ فَهَدَى ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ
لِمَا ٱخۡتَلَفُواْ فِيهِ مِنَ ٱلۡحَقِّ بِإِذۡنِهِۦۗ وَٱللَّهُ يَهۡدِي مَن يَشَآءُ إِلَىٰ
صِرَٰطٖ مُّسۡتَقِيمٍ ﴿213﴾ أَمۡ حَسِبۡتُمۡ أَن تَدۡخُلُواْ ٱلۡجَنَّةَ وَلَمَّا
يَأۡتِكُم مَّثَلُ ٱلَّذِينَ خَلَوۡاْ مِن قَبۡلِكُمۡۖ مَّسَّتۡهُمُ ٱلۡبَأۡسَآءُ وَٱلضَّرَّآءُ
وَزُلۡزِلُواْ حَتَّىٰ يَقُولَ ٱلرَّسُولُ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ مَعَهُۥ مَتَىٰ نَصۡرُ ٱللَّهِۗ
أَلَآ إِنَّ نَصۡرَ ٱللَّهِ قَرِيبٞ ﴿214﴾ يَسۡـَٔلُونَكَ مَاذَا يُنفِقُونَۖ قُلۡ
مَآ أَنفَقۡتُم مِّنۡ خَيۡرٖ فَلِلۡوَٰلِدَيۡنِ وَٱلۡأَقۡرَبِينَ وَٱلۡيَتَٰمَىٰ وَٱلۡمَسَٰكِينِ
وَٱبۡنِ ٱلسَّبِيلِۗ وَمَا تَفۡعَلُواْ مِنۡ خَيۡرٖ فَإِنَّ ٱللَّهَ بِهِۦ عَلِيمٞ ﴿215﴾

211. Staqsi lil Ulied Israel kemm-il sinjal ċar tajniehom. Iżda min jibdel it-tjieba ta' Alla, wara li tkun ġiet għandu *(għaliex jiċħad is-sinjali ċ-ċari)*, tabilħaqq li Alla *(jkun)* Qalil fil-kastig.

212. Il-ħajja f'din id-dinja żżejnet *(u saret tidher sabiħa)* għal dawk li ma jemmnux, u *(arahom)* jiddieħku b'dawk li jemmnu. Iżda dawk li jibżgħu minn Alla *(ikunu)* fuqhom f'Jum il-Qawmien. Alla jagħti l-ġid *(tiegħu)* lil min irid Hu, bla qjies.

213. In-nies *(fl-ewwel żminijiet)* kienu ġens wieħed, u Alla bagħat il-Profeti bil-bxara u bit-twissija, u niżżel magħhom il-Ktieb bis-sewwa biex jagħmel ħaqq minnies dwar dak li tlewmu fuqu. Ma tlewmux fuqu għajr dawk li ngħataw lilu *(il-Ktieb)*, wara li kienu ġewhom issinjali ċ-ċari, minħabba l-għira ta' bejniethom. Alla, birrieda tiegħu, wera lil dawk li emmnu s-sewwa ta' dak li ma qablux fuqu. Alla jmexxi lil min irid lejn triq dritta.

214. Jew ħsibtu li se tidħlu l-Ġenna mingħajr ma jiġikom *(ittiġrib kbir)* bħal ta' dawk li għaddew qabilkom? *(Lil dawn)* messewhom it-taħbit u l-ħsara, u theżżu *(b'qawwa hekk kbira)* li *(anki)* il-Mibgħut u dawk li emmnu miegħu qalu: "Meta *(tasal)* l-għajnuna ta' Alla?" Tabilħaqq li l-għajnuna ta' Alla hija fil-qrib.

215. Jistaqsuk *(Muħammad dwar)* x'għandhom jonfqu *(u għal min)*. Għid*(ilhom)*: "Kull ħaġa tajba li tonfqu *(għandha tkun)* għall-ġenituri, għall-qraba, għall-iltiema, għall-fqar, u għal dawk li jterrqu. Kull ġid li tagħmlu, Alla tabilħaqq jaf bih."

كُتِبَ عَلَيْكُمُ ٱلْقِتَالُ وَهُوَ كُرْهٌ لَّكُمْ ۖ وَعَسَىٰٓ أَن تَكْرَهُوا۟
شَيْـًٔا وَهُوَ خَيْرٌ لَّكُمْ ۖ وَعَسَىٰٓ أَن تُحِبُّوا۟ شَيْـًٔا وَهُوَ شَرٌّ لَّكُمْ ۗ
وَٱللَّهُ يَعْلَمُ وَأَنتُمْ لَا تَعْلَمُونَ ﴿216﴾ يَسْـَٔلُونَكَ عَنِ ٱلشَّهْرِ
ٱلْحَرَامِ قِتَالٍ فِيهِ ۖ قُلْ قِتَالٌ فِيهِ كَبِيرٌ ۖ وَصَدٌّ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ
وَكُفْرٌۢ بِهِۦ وَٱلْمَسْجِدِ ٱلْحَرَامِ وَإِخْرَاجُ أَهْلِهِۦ مِنْهُ أَكْبَرُ
عِندَ ٱللَّهِ ۚ وَٱلْفِتْنَةُ أَكْبَرُ مِنَ ٱلْقَتْلِ ۗ وَلَا يَزَالُونَ يُقَٰتِلُونَكُمْ
حَتَّىٰ يَرُدُّوكُمْ عَن دِينِكُمْ إِنِ ٱسْتَطَٰعُوا۟ ۚ وَمَن يَرْتَدِدْ
مِنكُمْ عَن دِينِهِۦ فَيَمُتْ وَهُوَ كَافِرٌ فَأُو۟لَٰٓئِكَ حَبِطَتْ
أَعْمَٰلُهُمْ فِى ٱلدُّنْيَا وَٱلْـَٔاخِرَةِ ۖ وَأُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلنَّارِ ۖ
هُمْ فِيهَا خَٰلِدُونَ ﴿217﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَٱلَّذِينَ
هَاجَرُوا۟ وَجَٰهَدُوا۟ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ أُو۟لَٰٓئِكَ يَرْجُونَ رَحْمَتَ
ٱللَّهِ ۚ وَٱللَّهُ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿218﴾ ۞ يَسْـَٔلُونَكَ عَنِ ٱلْخَمْرِ
وَٱلْمَيْسِرِ ۖ قُلْ فِيهِمَآ إِثْمٌ كَبِيرٌ وَمَنَٰفِعُ لِلنَّاسِ وَإِثْمُهُمَآ
أَكْبَرُ مِن نَّفْعِهِمَا ۗ وَيَسْـَٔلُونَكَ مَاذَا يُنفِقُونَ قُلِ ٱلْعَفْوَ ۗ
كَذَٰلِكَ يُبَيِّنُ ٱللَّهُ لَكُمُ ٱلْـَٔايَٰتِ لَعَلَّكُمْ تَتَفَكَّرُونَ ﴿219﴾

ربع الحزب 4

216. Huwa miktub għalikom it-taqbid *(kontra l-aggressuri)*, iżda għalikom *(dan)* huwa ikrah. Għandu mnejn li tistkerrhu xi ħaġa li hija tajba għalikom, u forsi tħobbu xi ħaġa li hija ħażina għalikom. Alla jaf, u intom ma tafux.

217. Jistaqsuk *(Muħammad)* dwar it-taqbid fix-xahar imqaddes. Għid*(ilhom)*: "It-taqbid fih *(huwa dnub)* kbir, iżda li żżomm *(lil min irid jaqbad)* it-triq ta' Alla, li ma temminx fih, *(li żżomm lil dawk li jemmnu milli jidħlu)* fil-Moskea mqaddsa, u li tibgħat 'il barra lil niesha, *(dawn kollha huma dnubiet)* akbar quddiem Alla. It-tiġrib huwa agħar mill-qtil." Ma jiqfux *(il-pagani)* jitqatlu magħkom, sa ma jreġġgħukom lura mid-din tagħkom, li kieku jistgħu. Min minnkom jerġa' lura mid-din tiegħu, u jmut filwaqt li huwa jiċħad it-twemmin, dawk l-għemejjel tagħhom jisfaw fix-xejn, f'*(din)* id-dinja u fl-Oħra. Dawk huma nies in-Nar, u fih jgħammru għal dejjem.

218. Tabilħaqq li dawk li emmnu, u dawk li emigraw u tqatlu għal Alla, dawk *(huma li tassew jistħoqqilhom)* jittamaw fil-ħniena ta' Alla. Alla Kollu Maħfra u Ħanin.

219. Jistaqsuk *(Muħammad)* dwar l-inbid u l-logħob ta' l-azzard. Għid*(ilhom)*: "Fihom it-tnejn *(hemm)* dnub kbir u xi fejda għan-nies, iżda d-dnub tagħhom it-tnejn huwa akbar mill-fejda tagħhom." Huma jistaqsuk *(ukoll)* x'għandhom jonfqu. Għid*(ilhom)*: "*(Agħtu)* miż-żejjed *(tagħkom)*." Hekk Alla jurikom biċ-ċar ir-Rivelazzjoni *(tiegħu)* biex forsi tixtarru *(is-siwi tagħha)*,

فِي ٱلدُّنْيَا وَٱلْآخِرَةِ ۗ وَيَسْـَٔلُونَكَ عَنِ ٱلْيَتَٰمَىٰ ۖ قُلْ إِصْلَاحٌ لَّهُمْ
خَيْرٌ ۖ وَإِن تُخَالِطُوهُمْ فَإِخْوَٰنُكُمْ ۚ وَٱللَّهُ يَعْلَمُ ٱلْمُفْسِدَ مِنَ
ٱلْمُصْلِحِ ۚ وَلَوْ شَآءَ ٱللَّهُ لَأَعْنَتَكُمْ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ عَزِيزٌ حَكِيمٌ ﴿220﴾
وَلَا تَنكِحُوا۟ ٱلْمُشْرِكَٰتِ حَتَّىٰ يُؤْمِنَّ ۚ وَلَأَمَةٌ مُّؤْمِنَةٌ خَيْرٌ
مِّن مُّشْرِكَةٍ وَلَوْ أَعْجَبَتْكُمْ ۗ وَلَا تُنكِحُوا۟ ٱلْمُشْرِكِينَ حَتَّىٰ
يُؤْمِنُوا۟ ۚ وَلَعَبْدٌ مُّؤْمِنٌ خَيْرٌ مِّن مُّشْرِكٍ وَلَوْ أَعْجَبَكُمْ ۗ أُو۟لَٰٓئِكَ
يَدْعُونَ إِلَى ٱلنَّارِ ۖ وَٱللَّهُ يَدْعُوٓا۟ إِلَى ٱلْجَنَّةِ وَٱلْمَغْفِرَةِ بِإِذْنِهِۦ ۖ
وَيُبَيِّنُ ءَايَٰتِهِۦ لِلنَّاسِ لَعَلَّهُمْ يَتَذَكَّرُونَ ﴿221﴾ وَيَسْـَٔلُونَكَ
عَنِ ٱلْمَحِيضِ ۖ قُلْ هُوَ أَذًى فَٱعْتَزِلُوا۟ ٱلنِّسَآءَ فِى ٱلْمَحِيضِ ۖ
وَلَا تَقْرَبُوهُنَّ حَتَّىٰ يَطْهُرْنَ ۖ فَإِذَا تَطَهَّرْنَ فَأْتُوهُنَّ مِنْ حَيْثُ
أَمَرَكُمُ ٱللَّهُ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ يُحِبُّ ٱلتَّوَّٰبِينَ وَيُحِبُّ ٱلْمُتَطَهِّرِينَ ﴿222﴾
نِسَآؤُكُمْ حَرْثٌ لَّكُمْ فَأْتُوا۟ حَرْثَكُمْ أَنَّىٰ شِئْتُمْ ۖ وَقَدِّمُوا۟ لِأَنفُسِكُمْ ۚ
وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّكُم مُّلَٰقُوهُ ۗ وَبَشِّرِ ٱلْمُؤْمِنِينَ
﴿223﴾ وَلَا تَجْعَلُوا۟ ٱللَّهَ عُرْضَةً لِّأَيْمَٰنِكُمْ أَن تَبَرُّوا۟
وَتَتَّقُوا۟ وَتُصْلِحُوا۟ بَيْنَ ٱلنَّاسِ ۚ وَٱللَّهُ سَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿224﴾

220. f'*(din)* id-dinja u fl-Oħra. Jistaqsuk *(Muħammad)* dwar l-iltiema. Għid*(ilhom)*: "L-aħjar *(ħaġa hija)* li timxu tajjeb magħhom. Jekk titħalltu magħhom *(u tqisuhom bħala l-familjari tagħkom, ftakru li)* dawk huma ħutkom. Alla jaf min jagħmel il-ħsara *(u juża ħażin flus l-iltiema)*, u min jagħmel il-ġid. Kieku ried Alla seta' għakkiskom *(bi kmandamenti iebsa għalikom, iżda ma għamilx hekk)*. Alla tabilħaqq Qawwi u Għaref."

221. La tiżżewġux nisa li jxierku allat ma' Alla, qabel ma jemmnu. Ilsira li temmen hija aħjar minn mara li xxierek allat ma' Alla, minkejja li *(din)* tkun togħġobkom. Lanqas iżżewġu *(ix-xebbiet tagħkom)* lil irġiel li jxierku allat ma' Alla, qabel ma jemmnu. Ilsir li jemmen huwa aħjar minn raġel li jxierek allat ma' Alla, minkejja li *(dan)* ikun jogħġobkom. Dawk *(li jxierku allat ma' Alla)* isejħu*(lkom)* għan-Nar, filwaqt li Alla jsejjaħ għall-Ġenna u l-maħfra, bir-rieda tiegħu, u juri biċ-ċar ir-Rivelazzjoni tiegħu lin-nies biex forsi jiftakru *(fit-twissija ta' Alla)*.

222. Jistaqsuk *(Muħammad)* dwar id-demm ta' kull xahar *(fin-nisa)*. Għid*(ilhom)*: "Huwa ta' ħsara u tinġis. Għalhekk tbiegħdu min-nisa bid-demm ta' kull xahar, la toqorbux lejhom sa ma jissaffew *(minnu)*. Meta jissaffew u jinħaslu, ersqu lejhom minn fejn amrilkom Alla. Alla tabilħaqq iħobb lil dawk li jindmu, u jħobb lil dawk li jissaffew."

223. In-nisa tagħkom huma r-raba' tagħkom *(li intom tiżirgħu fih)*. Mela ersqu lejn ir-raba' tagħkom kif tridu, u ressqu quddiemkom *(għemejjel tajba)* għalikom infuskom. Ibżgħu minn Alla, u kunu afu li se tiltaqgħu miegħu. Agħti *(Muħammad)* il-bxara t-tajba lil dawk li emmnu.

224. Tħallux li l-ħalf tagħkom *(b'Isem)* Alla jfixkilkom milli tagħmlu l-ġid, tibżgħu minn Alla, u ssewwu l-inkwiet ta' bejn in-nies. Alla jisma' kollox u jaf kollox.

لَّا يُؤَاخِذُكُمُ ٱللَّهُ بِٱللَّغْوِ فِىٓ أَيْمَٰنِكُمْ وَلَٰكِن يُؤَاخِذُكُم بِمَا كَسَبَتْ
قُلُوبُكُمْ ۗ وَٱللَّهُ غَفُورٌ حَلِيمٌ ﴿225﴾ لِّلَّذِينَ يُؤْلُونَ مِن نِّسَآئِهِمْ تَرَبُّصُ
أَرْبَعَةِ أَشْهُرٍ ۖ فَإِن فَآءُو فَإِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿226﴾ وَإِنْ عَزَمُوا۟
ٱلطَّلَٰقَ فَإِنَّ ٱللَّهَ سَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿227﴾ وَٱلْمُطَلَّقَٰتُ يَتَرَبَّصْنَ
بِأَنفُسِهِنَّ ثَلَٰثَةَ قُرُوٓءٍ ۚ وَلَا يَحِلُّ لَهُنَّ أَن يَكْتُمْنَ مَا خَلَقَ ٱللَّهُ فِىٓ
أَرْحَامِهِنَّ إِن كُنَّ يُؤْمِنَّ بِٱللَّهِ وَٱلْيَوْمِ ٱلْءَاخِرِ ۚ وَبُعُولَتُهُنَّ أَحَقُّ بِرَدِّهِنَّ
فِى ذَٰلِكَ إِنْ أَرَادُوٓا۟ إِصْلَٰحًا ۚ وَلَهُنَّ مِثْلُ ٱلَّذِى عَلَيْهِنَّ بِٱلْمَعْرُوفِ ۚ
وَلِلرِّجَالِ عَلَيْهِنَّ دَرَجَةٌ ۗ وَٱللَّهُ عَزِيزٌ حَكِيمٌ ﴿228﴾ ٱلطَّلَٰقُ مَرَّتَانِ ۖ
فَإِمْسَاكٌۢ بِمَعْرُوفٍ أَوْ تَسْرِيحٌۢ بِإِحْسَٰنٍ ۗ وَلَا يَحِلُّ لَكُمْ أَن
تَأْخُذُوا۟ مِمَّآ ءَاتَيْتُمُوهُنَّ شَيْـًٔا إِلَّآ أَن يَخَافَآ أَلَّا يُقِيمَا حُدُودَ
ٱللَّهِ ۖ فَإِنْ خِفْتُمْ أَلَّا يُقِيمَا حُدُودَ ٱللَّهِ فَلَا جُنَاحَ عَلَيْهِمَا فِيمَا ٱفْتَدَتْ
بِهِۦ ۗ تِلْكَ حُدُودُ ٱللَّهِ فَلَا تَعْتَدُوهَا ۚ وَمَن يَتَعَدَّ حُدُودَ ٱللَّهِ فَأُو۟لَٰٓئِكَ
هُمُ ٱلظَّٰلِمُونَ ﴿229﴾ فَإِن طَلَّقَهَا فَلَا تَحِلُّ لَهُۥ مِنۢ بَعْدُ حَتَّىٰ تَنكِحَ
زَوْجًا غَيْرَهُۥ ۗ فَإِن طَلَّقَهَا فَلَا جُنَاحَ عَلَيْهِمَآ أَن يَتَرَاجَعَآ إِن ظَنَّآ أَن
يُقِيمَا حُدُودَ ٱللَّهِ ۗ وَتِلْكَ حُدُودُ ٱللَّهِ يُبَيِّنُهَا لِقَوْمٍ يَعْلَمُونَ ﴿230﴾

225. Alla ma jlumkomx ta' dak li hu bla ħsieb fil-ħalf tagħkom, iżda jlumkom ta' dak li għandkom fi qlubkom. Alla Kollu Maħfra u Kollu Ħlewwa u Sabar *(mal-midinbin)*.

226. Dawk li jaħilfu li jiċċaħħdu min-nisa tagħhom *(jistgħu)* jistennew erba' xhur, u jekk jerġa' jibdielhom *(u jerġgħu jersqu lejhom)*, Alla Kollu Maħfra u Ħanin.

227. U jekk jaqtgħuha li jiddivorzjaw, Alla jisma' kollox u jaf kollox.

228. In-nisa divorzjati *(għandhom)* jistennew għal tliet tnixxijiet ta' demm *(tliet xhur)*. Ma jiswiex li jaħbu dak li Alla ħalaq f'ġufhom, jekk jemmnu f'Alla u fl-Aħħar Jum. F'dak *(iż-żmien ta' stennija)*, żwieġhom ikun jistħoqqilhom aktar li jeħduhom lura *(u ma jinfirdux)*, jekk ikunu jridu jsewwu *(ir-relazzjoni tagħhom)*. Huma *(in-nisa)* għandhom jeddijiet daqs id-dmirijiet tagħhom, skond ma huwa xieraq,.u l-irġiel *(qegħdin)* tarġa fuqhom *(bħala kapijiet tal-familji)*. Alla huwa Qawwi u Għaref.

229. Id-divorzju darbtejn *(biss jista' jsir, u wara dan)* jew irraġel iżomm lil martu kif xieraq, jew jitlaqha bit-tjieba. Ma jiswilkomx *(irġiel)* li tieħdu xi ħaġa minn dak li tajtuhom *(lin-nisa tagħkom bħala dota)*, ħlief jekk iżżewġ naħat jibżgħu li ma jħarsux id-digrieti ta' Alla *(dwar iż-żwieġ)*. Jekk tibżgħu li huma t-tnejn ma jħarsux id-digrieti ta' Alla, ma jkollhom ebda ħtija f'dak *(il-ġid)* li *(il-mara)* tinfeda bih *(biex titlaq lil żewġha)*. Dawk huma d-digrieti ta' Alla. Mela la tiksruhomx! Min jikser id-digrieti ta' Alla, dawk huma l-ħżiena.

230. Jekk jiddivorzjaha *(għat-tielet u l-aħħar darba)*, din imbagħad ma tkunx tiswa għalih, qabel ma tiżżewweġ raġel ieħor. Jekk *(dan)* jitlaqha, ma jkollhom ebda ħtija jekk jerġgħu lura għand xulxin *(bħal qabel)*, jekk jaħsbu li jħarsu d-digrieti ta' Alla. Dawk huma d-digrieti ta' Alla. Huwa jurihom biċ-ċar lil nies li jafu.

وَإِذَا طَلَّقْتُمُ النِّسَاءَ فَبَلَغْنَ أَجَلَهُنَّ فَأَمْسِكُوهُنَّ بِمَعْرُوفٍ أَوْ
سَرِّحُوهُنَّ بِمَعْرُوفٍ ۚ وَلَا تُمْسِكُوهُنَّ ضِرَارًا لِّتَعْتَدُوا ۚ وَمَن يَفْعَلْ
ذَٰلِكَ فَقَدْ ظَلَمَ نَفْسَهُ ۚ وَلَا تَتَّخِذُوا آيَاتِ اللَّهِ هُزُوًا ۚ وَاذْكُرُوا
نِعْمَتَ اللَّهِ عَلَيْكُمْ وَمَا أَنزَلَ عَلَيْكُم مِّنَ الْكِتَابِ وَالْحِكْمَةِ
يَعِظُكُم بِهِ ۚ وَاتَّقُوا اللَّهَ وَاعْلَمُوا أَنَّ اللَّهَ بِكُلِّ شَيْءٍ عَلِيمٌ ﴿231﴾
وَإِذَا طَلَّقْتُمُ النِّسَاءَ فَبَلَغْنَ أَجَلَهُنَّ فَلَا تَعْضُلُوهُنَّ أَن يَنكِحْنَ
أَزْوَاجَهُنَّ إِذَا تَرَاضَوْا بَيْنَهُم بِالْمَعْرُوفِ ۗ ذَٰلِكَ يُوعَظُ بِهِ مَن كَانَ
مِنكُمْ يُؤْمِنُ بِاللَّهِ وَالْيَوْمِ الْآخِرِ ۗ ذَٰلِكُمْ أَزْكَىٰ لَكُمْ وَأَطْهَرُ ۗ وَاللَّهُ
يَعْلَمُ وَأَنتُمْ لَا تَعْلَمُونَ ﴿232﴾ ۞ وَالْوَالِدَاتُ يُرْضِعْنَ أَوْلَادَهُنَّ
حَوْلَيْنِ كَامِلَيْنِ ۖ لِمَنْ أَرَادَ أَن يُتِمَّ الرَّضَاعَةَ ۚ وَعَلَى الْمَوْلُودِ لَهُ رِزْقُهُنَّ
وَكِسْوَتُهُنَّ بِالْمَعْرُوفِ ۚ لَا تُكَلَّفُ نَفْسٌ إِلَّا وُسْعَهَا ۚ لَا تُضَارَّ
وَالِدَةٌ بِوَلَدِهَا وَلَا مَوْلُودٌ لَّهُ بِوَلَدِهِ ۚ وَعَلَى الْوَارِثِ مِثْلُ ذَٰلِكَ ۗ
فَإِنْ أَرَادَا فِصَالًا عَن تَرَاضٍ مِّنْهُمَا وَتَشَاوُرٍ فَلَا جُنَاحَ عَلَيْهِمَا ۗ وَإِنْ
أَرَدتُّمْ أَن تَسْتَرْضِعُوا أَوْلَادَكُمْ فَلَا جُنَاحَ عَلَيْكُمْ إِذَا سَلَّمْتُم مَّا
آتَيْتُم بِالْمَعْرُوفِ ۗ وَاتَّقُوا اللَّهَ وَاعْلَمُوا أَنَّ اللَّهَ بِمَا تَعْمَلُونَ بَصِيرٌ ﴿233﴾

نصف الحزب 4

231. Meta tiddivorzjaw lin-nisa *(tagħkom)* u jkun qorob li jgħaddilhom żmienhom *(ta' stennija)*, jew żommuhom kif jixraq, jew itilquhom kif jixraq. La żżommuhomx biex tweġġgħuhom u tonqsu lejhom. Min jagħmel hekk, ikun qed jonqos lejh innifsu. Tiħdux ir-Rivelazzjoni ta' Alla biċ-ċajt. Ftakru fit-tjieba ta' Alla fuqkom, u fil-Ktieb u fl-għerf li niżżlilkom biex jgħallimkom bih. Ibżgħu minn Alla, u kunu afu li Alla jaf b'kollox.

232. Meta tiddivorzjaw lin-nisa *(tagħkom)*, u jkun għaddielhom żmienhom *(ta' stennija, intom li tieħdu ħsiebhom)* la żżommuhomx milli jiżżewġu lil żwieġhom *(li kellhom qabel)* jekk ikunu qablu bejniethom, kif jixraq. Din hija twissija għal dak minnkom li jemmen f'Alla u fl-Aħħar Jum. Dan huwa aktar xieraq għalikom, u aktar safi. Alla jaf, u intom ma tafux.

233. L-ommijiet *(divorzjati għandhom)* ireddgħu lil uliedhom għal sentejn sħaħ, għal min *(miż-żewġ ġenituri)* ikun irid li l-irdigħ ikompli sa l-aħħar. Il-missier għandu jaħseb għall-għajxien u l-ilbies tagħhom *(ta' martu divorzjata minnu u tat-tarbija tagħhom)*, kif jixraq. Ħadd ma jitgħabba *(bi spejjeż)* aktar milli jiflaħ. Omm ma għandhiex tkun imġiegħla tbati minħabba binha *(b'inġustizzja min-naħa tal-missier)*, u lanqas missier ma għandu jkun imġiegħel ibati minħabba ibnu *(b'inġustizzja min-naħa ta' l-omm)*. Il-werriet *(tal-missier ukoll)* għandu *(l-istess)* dmirijiet bħal dawk *(tal-missirijiet)*. Jekk huma t-tnejn *(il-ġenituri)*, bi qbil u wara li jkunu tkellmu bejniethom, ikunu jridu l-ftim *(tat-tarbija qabel sentejn, għaliex dan ikun fl-interess tagħha)*, huma ma jkollhom ebda ħtija fuqhom. Jekk tridu *(bħala ġenituri tqabbdu)* min iredda' lil uliedkom, ma jkollkom ebda ħtija fuqkom, ġaladarba tħallsu *(lill-imreddgħa)* dak li wegħedtuha, kif jixraq. Ibżgħu minn Alla, u kunu afu li Alla jara sew dak li tagħmlu.

وَالَّذِينَ يُتَوَفَّوْنَ مِنكُمْ وَيَذَرُونَ أَزْوَاجًا يَتَرَبَّصْنَ بِأَنفُسِهِنَّ
أَرْبَعَةَ أَشْهُرٍ وَعَشْرًا ۖ فَإِذَا بَلَغْنَ أَجَلَهُنَّ فَلَا جُنَاحَ عَلَيْكُمْ
فِيمَا فَعَلْنَ فِي أَنفُسِهِنَّ بِالْمَعْرُوفِ ۗ وَاللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ خَبِيرٌ
﴿234﴾ وَلَا جُنَاحَ عَلَيْكُمْ فِيمَا عَرَّضْتُم بِهِۦ مِنْ خِطْبَةِ النِّسَاءِ
أَوْ أَكْنَنتُمْ فِي أَنفُسِكُمْ ۚ عَلِمَ اللَّهُ أَنَّكُمْ سَتَذْكُرُونَهُنَّ
وَلَٰكِن لَّا تُوَاعِدُوهُنَّ سِرًّا إِلَّا أَن تَقُولُوا قَوْلًا مَّعْرُوفًا ۚ
وَلَا تَعْزِمُوا عُقْدَةَ النِّكَاحِ حَتَّىٰ يَبْلُغَ الْكِتَابُ أَجَلَهُۥ ۚ
وَاعْلَمُوا أَنَّ اللَّهَ يَعْلَمُ مَا فِي أَنفُسِكُمْ فَاحْذَرُوهُ ۚ وَاعْلَمُوا
أَنَّ اللَّهَ غَفُورٌ حَلِيمٌ ﴿235﴾ لَّا جُنَاحَ عَلَيْكُمْ إِن طَلَّقْتُمُ النِّسَاءَ
مَا لَمْ تَمَسُّوهُنَّ أَوْ تَفْرِضُوا لَهُنَّ فَرِيضَةً ۚ وَمَتِّعُوهُنَّ عَلَى الْمُوسِعِ
قَدَرُهُۥ وَعَلَى الْمُقْتِرِ قَدَرُهُۥ مَتَاعًا بِالْمَعْرُوفِ ۖ حَقًّا عَلَى الْمُحْسِنِينَ
﴿236﴾ وَإِن طَلَّقْتُمُوهُنَّ مِن قَبْلِ أَن تَمَسُّوهُنَّ وَقَدْ فَرَضْتُمْ
لَهُنَّ فَرِيضَةً فَنِصْفُ مَا فَرَضْتُمْ إِلَّا أَن يَعْفُونَ أَوْ يَعْفُوَا
الَّذِي بِيَدِهِۦ عُقْدَةُ النِّكَاحِ ۚ وَأَن تَعْفُوا أَقْرَبُ لِلتَّقْوَىٰ ۚ
وَلَا تَنسَوُا الْفَضْلَ بَيْنَكُمْ ۚ إِنَّ اللَّهَ بِمَا تَعْمَلُونَ بَصِيرٌ ﴿237﴾

234. In-nisa tagħkom li tħallu warajkom meta tmutu għandhom jistennew għal erba' xhur u għaxart ijiem *(bħala żmien ta' luttu qabel jerġgħu jiżżewġu)*. Meta jkun għaddielhom żmienhom *(ta' stennija)* ma jkollkom ebda ħtija fuqkom *(intom li tieħdu ħsiebhom)* ta' dak li jagħmlu bihom infushom, kif jixraq. Alla jaf sew b'dak li tagħmlu.

235. Ma għandkom ebda ħtija fuqkom jekk tagħtu x'jifhem li tridu titgħarrsu lin-nisa *(li jkunu fi żmien l-istennija, jiġifieri matul l-erba' xhur u għaxart ijiem)*, jew li tostru fikom infuskom *(ix-xewqa li titgħarrsu)*. Alla jaf li intom se tibqgħu tiftakruhom *(b'għożża)*, iżda tiftehmux magħhom bil-moħbi *(dwar iż-żwieġ)*, ħlief li tgħidu*(lhom)* biss kliem xieraq. La taqtgħuhiex dwar l-għaqda taż-żwieġ sa ma jintemm iż-żmien miktub ta' l-istennija. U kunu afu li Alla jaf x'hemm fi qlubkom. Mela ibżgħu minnu u kunu afu li Alla Kollu Maħfra u Kollu Ħlewwa u Sabar *(mal-midinbin)*.

236. Ma għandkom ebda ħtija fuqkom jekk titilqu n-nisa qabel ma tmissuhom, jew *(qabel)* taħsbulhom għal sehem *(mill-ġid tagħkom)*. Agħtuhom għotja xierqa, l-għani skond kemm jiflaħ, u l-fqir skond kemm jiflaħ. *(Dan huwa)* dmir dawk li jagħmlu t-tajjeb.

237. U jekk tiddivorzjawhom qabel ma tmissuhom, iżda tkunu diġà ħsibtulhom għal sehem *(mill-ġid tagħkom, jingħatalhom)* nofs dak li ħsibtu*(lhom)*, ħlief jekk *(in-nisa divorzjati)* jaqblu li jċedu *(dan in-nofs)*, jew jekk dak li jkollu f'idu l-għaqda taż-żwieġ *(l-għarus)* iċedi *(in-nofs tiegħu)*. *(Ja rġiel u nisa, kunu afu dan:)* li ċċedu *(in-nofs tagħkom)* ikun eqreb lejn il-biża' ta' Alla. La tinsewx it-tjieba bejnietkom. Alla tabilħaqq jara sew dak li tagħmlu.

حَٰفِظُوا۟ عَلَى ٱلصَّلَوَٰتِ وَٱلصَّلَوٰةِ ٱلْوُسْطَىٰ وَقُومُوا۟ لِلَّهِ
قَٰنِتِينَ ﴿238﴾ فَإِنْ خِفْتُمْ فَرِجَالًا أَوْ رُكْبَانًا ۖ فَإِذَآ أَمِنتُمْ
فَٱذْكُرُوا۟ ٱللَّهَ كَمَا عَلَّمَكُم مَّا لَمْ تَكُونُوا۟ تَعْلَمُونَ
﴿239﴾ وَٱلَّذِينَ يُتَوَفَّوْنَ مِنكُمْ وَيَذَرُونَ أَزْوَٰجًا وَصِيَّةً
لِّأَزْوَٰجِهِم مَّتَٰعًا إِلَى ٱلْحَوْلِ غَيْرَ إِخْرَاجٍ ۚ فَإِنْ خَرَجْنَ
فَلَا جُنَاحَ عَلَيْكُمْ فِى مَا فَعَلْنَ فِىٓ أَنفُسِهِنَّ مِن
مَّعْرُوفٍ ۗ وَٱللَّهُ عَزِيزٌ حَكِيمٌ ﴿240﴾ وَلِلْمُطَلَّقَٰتِ مَتَٰعٌۢ
بِٱلْمَعْرُوفِ ۖ حَقًّا عَلَى ٱلْمُتَّقِينَ ﴿241﴾ كَذَٰلِكَ يُبَيِّنُ
ٱللَّهُ لَكُمْ ءَايَٰتِهِۦ لَعَلَّكُمْ تَعْقِلُونَ ﴿242﴾ ۞ أَلَمْ تَرَ
إِلَى ٱلَّذِينَ خَرَجُوا۟ مِن دِيَٰرِهِمْ وَهُمْ أُلُوفٌ حَذَرَ ٱلْمَوْتِ
فَقَالَ لَهُمُ ٱللَّهُ مُوتُوا۟ ثُمَّ أَحْيَٰهُمْ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ لَذُو فَضْلٍ عَلَى
ٱلنَّاسِ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ ٱلنَّاسِ لَا يَشْكُرُونَ ﴿243﴾
وَقَٰتِلُوا۟ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ وَٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّ ٱللَّهَ سَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿244﴾
مَّن ذَا ٱلَّذِى يُقْرِضُ ٱللَّهَ قَرْضًا حَسَنًا فَيُضَٰعِفَهُۥ لَهُۥٓ أَضْعَافًا
كَثِيرَةً ۚ وَٱللَّهُ يَقْبِضُ وَيَبْصُۜطُ ۖ وَإِلَيْهِ تُرْجَعُونَ ﴿245﴾

ثلاثة أرباع الحزب 4

238. Żommu t-talb kollu, u *(l-aktar)* it-talba tan-nofs *(imsejħa 'al-għaṣr)*, u *(f'talbkom)* qumu bil-wieqfa quddiem Alla bil-qima.

239. Jekk tibżgħu *(minn xi għadu jew periklu, tistgħu titolbu)* intom u mixjin fuq riġlejkom jew rekbin, u meta tkunu fis-sliem *(għaliex il-periklu jkun għadda)* ftakru f'Alla *(u faħħruh)* kif għallimkom *(Hu dwar)* dak li ma kontux tafu.

240. Dawk minnkom li jmutu u jħallu warajhom nisa *(romol)* għandhom iħallu fit-testment, lin-nisa tagħhom, sehem għal sena, mingħajr ma jintbagħtu *(minn djarhom)*, iżda jekk jitilqu *(minn jeddhom)*, ma hemm ebda ħtija fuqkom *(intom il-qraba tal-mejjet)* ta' dak li *(dawn in-nisa romol)* jagħmlu bihom infushom, kif jixraq. Alla huwa Qawwi u Għaref.

241. In-nisa divorzjati *(għandu)* ikollhom sehem *(mill-ġid)* kif jixraq. Dan huwa dmir dawk li jibżgħu minn Alla.

242. Hekk Alla jurikom biċ-ċar ir-Rivelazzjoni tiegħu biex forsi tifhmu.

243. Mela ma rajtx *(Muħammad, x'ġara)* lil dawk li ħarġu minn djarhom, u huma eluf, bil-biża' tal-mewt? Alla qalilhom: "Mutu!" Imbagħad huwa *(reġa')* tahom il-ħajja. Alla tabilħaqq Kollu Tjieba man-nies, iżda l-kotra tan-nies ma jiżżux ħajr.

244. Tqatlu għal Alla, u kunu afu li Alla jisma' kollox u jaf kollox.

245. Min hu dak li jsellef lil Alla self tajjeb, u Huwa jkattarhulu għal ħafna drabi? Huwa Alla li jnaqqas *(il-ġid)*, u Huwa li jżid*(hulkom)*, u lejh terġgħu lura.

أَلَمْ تَرَ إِلَى ٱلْمَلَإِ مِنۢ بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ مِنۢ بَعْدِ مُوسَىٰٓ إِذْ قَالُوا۟
لِنَبِىٍّ لَّهُمُ ٱبْعَثْ لَنَا مَلِكًا نُّقَٰتِلْ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ ۖ قَالَ
هَلْ عَسَيْتُمْ إِن كُتِبَ عَلَيْكُمُ ٱلْقِتَالُ أَلَّا تُقَٰتِلُوا۟ ۖ
قَالُوا۟ وَمَا لَنَآ أَلَّا نُقَٰتِلَ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ وَقَدْ أُخْرِجْنَا
مِن دِيَٰرِنَا وَأَبْنَآئِنَا ۖ فَلَمَّا كُتِبَ عَلَيْهِمُ ٱلْقِتَالُ تَوَلَّوْا۟
إِلَّا قَلِيلًا مِّنْهُمْ ۗ وَٱللَّهُ عَلِيمٌۢ بِٱلظَّٰلِمِينَ ﴿246﴾ وَقَالَ
لَهُمْ نَبِيُّهُمْ إِنَّ ٱللَّهَ قَدْ بَعَثَ لَكُمْ طَالُوتَ مَلِكًا ۚ
قَالُوٓا۟ أَنَّىٰ يَكُونُ لَهُ ٱلْمُلْكُ عَلَيْنَا وَنَحْنُ أَحَقُّ بِٱلْمُلْكِ
مِنْهُ وَلَمْ يُؤْتَ سَعَةً مِّنَ ٱلْمَالِ ۚ قَالَ إِنَّ ٱللَّهَ ٱصْطَفَىٰهُ
عَلَيْكُمْ وَزَادَهُۥ بَسْطَةً فِى ٱلْعِلْمِ وَٱلْجِسْمِ ۖ وَٱللَّهُ
يُؤْتِى مُلْكَهُۥ مَن يَشَآءُ ۚ وَٱللَّهُ وَٰسِعٌ عَلِيمٌ ﴿247﴾
وَقَالَ لَهُمْ نَبِيُّهُمْ إِنَّ ءَايَةَ مُلْكِهِۦٓ أَن يَأْتِيَكُمُ
ٱلتَّابُوتُ فِيهِ سَكِينَةٌ مِّن رَّبِّكُمْ وَبَقِيَّةٌ مِّمَّا
تَرَكَ ءَالُ مُوسَىٰ وَءَالُ هَٰرُونَ تَحْمِلُهُ ٱلْمَلَٰٓئِكَةُ ۚ
إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَةً لَّكُمْ إِن كُنتُم مُّؤْمِنِينَ ﴿248﴾

246. Mela ma rajtx *(x'ġara, Muħammad)* lill-kbarat ta' Wlied Israel *(li għexu)* wara Mosè? Meta qalu lil wieħed Profeta fosthom *(li jingħad li kien Samwel)*: "Ibagħtilna sultan biex nitqatlu għal Alla." Qal*(ilhom)*: "Jista' jkun li meta jkun miktub li titqatlu, intom ma titqatlux?" Qalu: "U kif nistgħu ma nitqatlux għal Alla, meta tkeċċejna minn djarna, u wliedna *(imjassrin mill-għedewwa tagħna)*?" Meta *(imbagħad)* inkitbilhom li jitqatlu, huma taw daharhom *(u ma tqatlux)*, għajr għal ftit minnhom. Alla jaf kollox dwar il-ħżiena.

247. Il-Profeta tagħhom qalilhom: "Alla kien bagħtilkom lil Ṭālūt *(Sawl)* bħala sultan." Huma qalu: "Kif ikollu s-saltna fuqna, meta aħna jistħoqqilna aktar minnu li nsaltnu, *(ġaladarba)* huwa ma ngħatax ġid bil-kotra?" Huwa qalil*(hom)*: "Alla tabilħaqq ħatru fuqkom, u żiedu bil-bosta fl-għerf u fil-*(qawwa tal-)* ġisem. Alla jagħti s-saltna tiegħu lil min irid. Alla ġeneruż ħafna u jaf kollox."

248. Il-Profeta tagħhom qalilhom ukoll: "Tabilħaqq li s-sinjal tas-saltna tiegħu huwa li għandha tiġikom l-arka *(tal-patt)* li fiha r-rahan tas-sliem minn Sidkom, u l-bqija ta' dak li ħallew warajhom nies Mosè u nies Aron. L-anġli jġorruha. F'dan *(kollu hawn)* sinjal għalikom, li kieku tassew temmnu."

فَلَمَّا فَصَلَ طَالُوتُ بِالْجُنُودِ قَالَ إِنَّ اللَّهَ مُبْتَلِيكُم
بِنَهَرٍ فَمَن شَرِبَ مِنْهُ فَلَيْسَ مِنِّي وَمَن لَّمْ يَطْعَمْهُ فَإِنَّهُۥ
مِنِّيٓ إِلَّا مَنِ ٱغْتَرَفَ غُرْفَةًۢ بِيَدِهِۦ ۚ فَشَرِبُوا۟ مِنْهُ إِلَّا قَلِيلًا
مِّنْهُمْ ۚ فَلَمَّا جَاوَزَهُۥ هُوَ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ مَعَهُۥ قَالُوا۟
لَا طَاقَةَ لَنَا ٱلْيَوْمَ بِجَالُوتَ وَجُنُودِهِۦ ۚ قَالَ ٱلَّذِينَ
يَظُنُّونَ أَنَّهُم مُّلَٰقُوا۟ ٱللَّهِ كَم مِّن فِئَةٍ قَلِيلَةٍ
غَلَبَتْ فِئَةً كَثِيرَةًۢ بِإِذْنِ ٱللَّهِ ۗ وَٱللَّهُ مَعَ ٱلصَّٰبِرِينَ ﴿249﴾
وَلَمَّا بَرَزُوا۟ لِجَالُوتَ وَجُنُودِهِۦ قَالُوا۟ رَبَّنَآ أَفْرِغْ
عَلَيْنَا صَبْرًا وَثَبِّتْ أَقْدَامَنَا وَٱنصُرْنَا عَلَى ٱلْقَوْمِ
ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿250﴾ فَهَزَمُوهُم بِإِذْنِ ٱللَّهِ وَقَتَلَ
دَاوُۥدُ جَالُوتَ وَءَاتَىٰهُ ٱللَّهُ ٱلْمُلْكَ وَٱلْحِكْمَةَ
وَعَلَّمَهُۥ مِمَّا يَشَآءُ ۗ وَلَوْلَا دَفْعُ ٱللَّهِ ٱلنَّاسَ بَعْضَهُم
بِبَعْضٍ لَّفَسَدَتِ ٱلْأَرْضُ وَلَٰكِنَّ ٱللَّهَ ذُو
فَضْلٍ عَلَى ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿251﴾ تِلْكَ ءَايَٰتُ ٱللَّهِ
نَتْلُوهَا عَلَيْكَ بِٱلْحَقِّ ۚ وَإِنَّكَ لَمِنَ ٱلْمُرْسَلِينَ ﴿252﴾

249. Meta Ṭālūt *(Sawl)* ħareġ flimkien mal-qawwiet *(tiegħu)*, qal*(ilhom hekk meta kienu mġarrba b'għatx kbir)*: "Alla tabilħaqq iġarrabkom bi xmara. Min jixrob minnha, ma jkunx miegħi, u min ma jduqhiex, ħlief min jixrob ftit fil-qiegħ ta' idu, ikun miegħi." Iżda huma xorbu minnha, għajr għal ftit minnhom. U meta qasamha *(ix-xmara)*, huwa u dawk miegħu li emmnu *(fi kliemu u ma xorbux, meta raw il-kotra ta' l-għadu)* qalu: "Illum ma għandniex saħħa *(neħduha kontra)* Ġālūt *(Gulija)* u l-qawwiet tiegħu." Iżda dawk li kienu jafu li għad jiltaqgħu ma' Alla qalu*(lhom)*: "Kemm-il ġemgħa żgħira għelbet ġemgħa kbira, bir-rieda ta' Alla. Alla ma' dawk li jistabru."

250. U meta ħarġu għal Ġālūt *(Gulija)* u qawwietu, qalu: "Sidna, sawwab fuqna s-sabar, saħħaħ riġlejna, u għinna kontra dawk bla twemmin."

251. Huma għelbuhom, bir-rieda ta' Alla, u David qatel lil Ġālūt *(Gulija)*, u Alla tah is-saltna u l-għerf, u għallmu dak li *(Huwa)* ried. Li kieku Alla ma żammx lil xi nies *(ħżiena)* b'nies oħra *(tajba)*, kieku l-art kienet titħassar. Iżda Alla huwa ta' tjieba għall-ħolqien *(tiegħu kollu)*.

252. Dawn huma l-versi ta' Alla. Aħna naqrawhomlok *(Muħammad)* bis-sewwa. Inti tabilħaqq *(wieħed)* mill-Mibgħutin.

الجزء 3 الحزب 5

۞ تِلْكَ ٱلرُّسُلُ فَضَّلْنَا بَعْضَهُمْ عَلَىٰ بَعْضٍ مِّنْهُم مَّن كَلَّمَ ٱللَّهُ ۖ
وَرَفَعَ بَعْضَهُمْ دَرَجَٰتٍ ۚ وَءَاتَيْنَا عِيسَى ٱبْنَ مَرْيَمَ ٱلْبَيِّنَٰتِ
وَأَيَّدْنَٰهُ بِرُوحِ ٱلْقُدُسِ ۗ وَلَوْ شَآءَ ٱللَّهُ مَا ٱقْتَتَلَ ٱلَّذِينَ
مِنۢ بَعْدِهِم مِّنۢ بَعْدِ مَا جَآءَتْهُمُ ٱلْبَيِّنَٰتُ وَلَٰكِنِ ٱخْتَلَفُوا۟
فَمِنْهُم مَّنْ ءَامَنَ وَمِنْهُم مَّن كَفَرَ ۚ وَلَوْ شَآءَ ٱللَّهُ مَا ٱقْتَتَلُوا۟
وَلَٰكِنَّ ٱللَّهَ يَفْعَلُ مَا يُرِيدُ ﴿253﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ أَنفِقُوا۟
مِمَّا رَزَقْنَٰكُم مِّن قَبْلِ أَن يَأْتِىَ يَوْمٌ لَّا بَيْعٌ فِيهِ وَلَا خُلَّةٌ وَلَا
شَفَٰعَةٌ ۗ وَٱلْكَٰفِرُونَ هُمُ ٱلظَّٰلِمُونَ ﴿254﴾ ٱللَّهُ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ
ٱلْحَىُّ ٱلْقَيُّومُ ۚ لَا تَأْخُذُهُۥ سِنَةٌ وَلَا نَوْمٌ ۚ لَّهُۥ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا
فِى ٱلْأَرْضِ ۗ مَن ذَا ٱلَّذِى يَشْفَعُ عِندَهُۥٓ إِلَّا بِإِذْنِهِۦ ۚ يَعْلَمُ مَا بَيْنَ
أَيْدِيهِمْ وَمَا خَلْفَهُمْ ۖ وَلَا يُحِيطُونَ بِشَىْءٍ مِّنْ عِلْمِهِۦٓ إِلَّا بِمَا
شَآءَ ۚ وَسِعَ كُرْسِيُّهُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ ۖ وَلَا يَـُٔودُهُۥ حِفْظُهُمَا ۚ
وَهُوَ ٱلْعَلِىُّ ٱلْعَظِيمُ ﴿255﴾ لَآ إِكْرَاهَ فِى ٱلدِّينِ ۖ قَد تَّبَيَّنَ ٱلرُّشْدُ
مِنَ ٱلْغَىِّ ۚ فَمَن يَكْفُرْ بِٱلطَّٰغُوتِ وَيُؤْمِنۢ بِٱللَّهِ فَقَدِ
ٱسْتَمْسَكَ بِٱلْعُرْوَةِ ٱلْوُثْقَىٰ لَا ٱنفِصَامَ لَهَا ۗ وَٱللَّهُ سَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿256﴾

253. Dawk il-Mibgħutin, uħud minnhom għollejniehom fuq oħrajn. Hemm minnhom li kellimhom Alla *(bħal Mosè)*, u lil xi whud għolla fi gradi *(ta' ġieħ)*. Lil Ġesù bin Marija tajna s-sinjali ċ-ċari *(il-mirakli li kien jagħmel)* u saħħaħnieh b'ruħ il-qodos *(l-anġlu Gabrijel)*. U li kieku Alla ried, dawk *(li ġew)* warajhom ma kinux jitqatlu, wara li kienu ġewhom is-sinjali ċ-ċari, iżda *(xorta waħda)* ma qablux bejniethom u *(kien hemm)* minnhom li emmen, u minnhom li m'emminx. U li kieku Alla ried, ma kinux jitqatlu, iżda Alla jagħmel dak li jrid.

254. Intom li temmnu, onfqu *(fil-karità u fl-għemejjel tajba)* minn dak il-ġid li tajniekom qabel ma jasal Jum li fih la *(jkun hemm)* bejgħ, la ħbiberija, u lanqas ħadd jaqbeż għal ħaddieħor *(jekk ma jemminx, għaliex ma hemmx interċessjoni għal min ma jemminx)*. Dawk li ma jemmnux huma l-ħżiena.

255. Alla ma hemmx alla ħliefu: il-Ħaj, Dak li jżomm minnu nnifsu għal dejjem; la jieħdu ngħas u lanqas irqad – tiegħu kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art. Min hu dan li jidħol quddiemu *(biex jaqbeż għal ħaddieħor)*, ħlief bil-permess tiegħu? Huwa jaf x'hemm quddiemhom *(il-ħlejjaq tiegħu f'din id-dinja)* u warajhom *(fl-Oħra, u huma)* lanqas jaqbdu xejn minn Għerfu, ħlief dak li Hu jrid *(li huma jifhmu)*. Is-Siġġu tiegħu jesa' s-smewwiet u l-art, u ma jgħajjihx il-ħarsien tagħhom. Huwa l-Għoli u l-Kbir bla qjies.

256. Ma hemm ebda ġegħil fir-reliġjon. It-triq it-tajba tidher biċ-ċar mill-qerq. Mela min jiċħad l-allat foloz u jemmen f'Alla, ikun qabad l-isħaħ maqbad li ma jinqasamx. Alla jisma' kollox u jaf kollox.

ٱللَّهُ وَلِيُّ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ يُخْرِجُهُم مِّنَ ٱلظُّلُمَٰتِ إِلَى ٱلنُّورِ ۖ
وَٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟ أَوْلِيَآؤُهُمُ ٱلطَّٰغُوتُ يُخْرِجُونَهُم مِّنَ
ٱلنُّورِ إِلَى ٱلظُّلُمَٰتِ ۗ أُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلنَّارِ ۖ هُمْ فِيهَا
خَٰلِدُونَ ﴿257﴾ أَلَمْ تَرَ إِلَى ٱلَّذِى حَآجَّ إِبْرَٰهِـۧمَ فِى رَبِّهِۦٓ
أَنْ ءَاتَىٰهُ ٱللَّهُ ٱلْمُلْكَ إِذْ قَالَ إِبْرَٰهِـۧمُ رَبِّىَ ٱلَّذِى يُحْىِۦ
وَيُمِيتُ قَالَ أَنَا۠ أُحْىِۦ وَأُمِيتُ ۖ قَالَ إِبْرَٰهِـۧمُ فَإِنَّ ٱللَّهَ يَأْتِى
بِٱلشَّمْسِ مِنَ ٱلْمَشْرِقِ فَأْتِ بِهَا مِنَ ٱلْمَغْرِبِ فَبُهِتَ ٱلَّذِى
كَفَرَ ۗ وَٱللَّهُ لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿258﴾ أَوْ كَٱلَّذِى مَرَّ
عَلَىٰ قَرْيَةٍ وَهِىَ خَاوِيَةٌ عَلَىٰ عُرُوشِهَا قَالَ أَنَّىٰ يُحْىِۦ هَٰذِهِ ٱللَّهُ
بَعْدَ مَوْتِهَا ۖ فَأَمَاتَهُ ٱللَّهُ مِا۟ئَةَ عَامٍ ثُمَّ بَعَثَهُۥ ۖ قَالَ كَمْ لَبِثْتَ ۖ
قَالَ لَبِثْتُ يَوْمًا أَوْ بَعْضَ يَوْمٍ ۖ قَالَ بَل لَّبِثْتَ مِا۟ئَةَ عَامٍ
فَٱنظُرْ إِلَىٰ طَعَامِكَ وَشَرَابِكَ لَمْ يَتَسَنَّهْ ۖ وَٱنظُرْ إِلَىٰ
حِمَارِكَ وَلِنَجْعَلَكَ ءَايَةً لِّلنَّاسِ ۖ وَٱنظُرْ إِلَى
ٱلْعِظَامِ كَيْفَ نُنشِزُهَا ثُمَّ نَكْسُوهَا لَحْمًا ۚ فَلَمَّا
تَبَيَّنَ لَهُۥ قَالَ أَعْلَمُ أَنَّ ٱللَّهَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿259﴾

257. Alla jħares lil dawk li jemmnu. Huwa joħroġhom middlamijiet għad-dawl. Dawk li ma jemmnux, iħarsuhom l-allat foloz u x-xjaten tagħhom. Huma joħorġuhom middawl għad-dlamijiet. Dawk huma nies in-Nar, u fih *(jgħammru)* għal dejjem.

258. Mela ma rajtx *(x'ġara, Muħammad)* lil dak *(is-sultan tirann Nimrūd bin Kangħān)* li ħaqqaqha ma' Abraham fuq Sidu *(il-Mulej)* għaliex Alla tah is-saltna? Abraham qal: "Sidi huwa dak li jagħti l-ħajja u l-mewt." Qal *(Nimrūd)*: "Jiena nagħti l-ħajja u l-mewt!" Abraham qal: "Alla tabilħaqq iġib ix-xemx mil-Lvant. Mela issa inti ġibha mill-Punent!" U tħawwad dak li ċaħad it-twemmin *(u ma setax iwieġeb)*. Alla ma jurix it-triq it-tajba lin-nies il-ħżiena.

259. Jew *(rajtx, Muħammad)* bħal dak li għadda qrib belt li kienet ħerba, bis-soqfa mġarrfa, u qal: "Kif ikun li Alla jagħti l-ħajja lil din *(il-belt)* wara mewtha?" Għalhekk Alla bagħat il-mewt fuq dan, għal mitt sena, imbagħad qajmu u qal*(lu)*: "Kemm domt *(mejjet)*?" Qal: "Domt jum *(wieħed)*, jew xi ftit minn jum." Qal*(lu)*: "Le! Iżda domt mitt sena. Ħares lejn l-ikel u x-xorb tiegħek: dawn ma qatgħux *(u għadhom jistgħu jittieklu u jinxtorbu)*. Ħares lejn il-ħmar tiegħek! U biex nagħmluk sinjal għannies, ħares lejn l-għadam *(tal-ħmar)* kif niġbruh flimkien, u mbagħad niksuh bil-laħam." U meta *(is-sinjal)* deherlu hekk biċ-ċar, huwa qal: "Naf li Alla tabilħaqq fuq kollox Setgħan."

وَإِذْ قَالَ إِبْرَٰهِـۧمُ رَبِّ أَرِنِى كَيْفَ تُحْىِ ٱلْمَوْتَىٰ ۖ قَالَ أَوَلَمْ
تُؤْمِن ۖ قَالَ بَلَىٰ وَلَٰكِن لِّيَطْمَئِنَّ قَلْبِى ۖ قَالَ فَخُذْ أَرْبَعَةً مِّنَ
ٱلطَّيْرِ فَصُرْهُنَّ إِلَيْكَ ثُمَّ ٱجْعَلْ عَلَىٰ كُلِّ جَبَلٍ مِّنْهُنَّ جُزْءًا
ثُمَّ ٱدْعُهُنَّ يَأْتِينَكَ سَعْيًا ۚ وَٱعْلَمْ أَنَّ ٱللَّهَ عَزِيزٌ حَكِيمٌ ﴿260﴾
مَّثَلُ ٱلَّذِينَ يُنفِقُونَ أَمْوَٰلَهُمْ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ كَمَثَلِ حَبَّةٍ
أَنۢبَتَتْ سَبْعَ سَنَابِلَ فِى كُلِّ سُنۢبُلَةٍ مِّا۟ئَةُ حَبَّةٍ ۗ وَٱللَّهُ يُضَٰعِفُ
لِمَن يَشَآءُ ۗ وَٱللَّهُ وَٰسِعٌ عَلِيمٌ ﴿261﴾ ٱلَّذِينَ يُنفِقُونَ أَمْوَٰلَهُمْ
فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ ثُمَّ لَا يُتْبِعُونَ مَآ أَنفَقُوا۟ مَنًّا وَلَآ أَذًى ۙ لَّهُمْ
أَجْرُهُمْ عِندَ رَبِّهِمْ وَلَا خَوْفٌ عَلَيْهِمْ وَلَا هُمْ يَحْزَنُونَ
﴿262﴾ ۞ قَوْلٌ مَّعْرُوفٌ وَمَغْفِرَةٌ خَيْرٌ مِّن صَدَقَةٍ يَتْبَعُهَآ
أَذًى ۗ وَٱللَّهُ غَنِىٌّ حَلِيمٌ ﴿263﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَا تُبْطِلُوا۟
صَدَقَٰتِكُم بِٱلْمَنِّ وَٱلْأَذَىٰ كَٱلَّذِى يُنفِقُ مَالَهُۥ رِئَآءَ ٱلنَّاسِ
وَلَا يُؤْمِنُ بِٱللَّهِ وَٱلْيَوْمِ ٱلْءَاخِرِ ۖ فَمَثَلُهُۥ كَمَثَلِ صَفْوَانٍ عَلَيْهِ
تُرَابٌ فَأَصَابَهُۥ وَابِلٌ فَتَرَكَهُۥ صَلْدًا ۖ لَّا يَقْدِرُونَ عَلَىٰ
شَىْءٍ مِّمَّا كَسَبُوا۟ ۗ وَٱللَّهُ لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿264﴾

ربع الحزب 5

260. U *(ftakar, Muħammad)* meta Abraham qal: "Sidi, urini kif tagħti l-ħajja lill-mejtin." Qal *(Alla)*: "Jaqaw ma temminx?" Qal *(*Abraham*)*: "Iva *(nemmen)*, iżda biex inserraħ rasi." Qal *(Alla)*: "Mela ħu għalik erba' tajriet, imbagħad qattagħhom f'biċċiet u qiegħed biċċa minnhom fuq kull għolja. Imbagħad sejħilhom *(u tarahom ħajjin u)* jiġuk bil-ħeffa. Kun af li Alla Qawwi u Għaref."

261. Dawk li jonfqu ġidhom għal Alla *(fil-karità u fl-għemejjel tajba)* huma bħal ħabba *(qamħ)* li tnibbet seba' sbuliet, u f'kull sbula hemm mitt ħabba. Alla jkattar lil min irid. Alla jesa' kollox, u jaf kollox.

262. Dawk li jonfqu ġidhom għal Alla, u wara ma joqogħdux ifakkru *(lill-fqir)* f'dak li nefqu, biex iweġġgħuh jew iżebilħuh, għandhom ħlashom għand Sidhom, u ebda biża' ma jkun hemm fuqhom, u lanqas jitnikktu.

263. Kelma tajba u maħfra huma aħjar minn għotja li ġġib magħha ż-żebliħ. Alla Għani u Kollu Sabar mal-midinbin.

264. Intom li temmnu, la ġġibux fix-xejn il-karità tagħkom biċ-ċanfir, billi tfakkru lill-fqir fil-karità li tajtuh, u biż-żebliħ *(tagħkom lilu, għaliex tkunu)* bħal dak li jonfoq ġidu biex jarawh in-nies, u ma jemminx f'Alla u fl-Aħħar Jum. Dan huwa bħal blata bit-trab fuqha: tinżel fuqha xita qawwija u tħalliha samma. Huma ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn b'dak li kisbu. Alla ma jurix it-triq it-tajba lin-nies li ma jemmnux.

وَمَثَلُ ٱلَّذِينَ يُنفِقُونَ أَمْوَٰلَهُمُ ٱبْتِغَآءَ مَرْضَاتِ ٱللَّهِ
وَتَثْبِيتًا مِّنْ أَنفُسِهِمْ كَمَثَلِ جَنَّةٍۭ بِرَبْوَةٍ أَصَابَهَا وَابِلٌ
فَـَٔاتَتْ أُكُلَهَا ضِعْفَيْنِ فَإِن لَّمْ يُصِبْهَا وَابِلٌ فَطَلٌّ ۗ
وَٱللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ بَصِيرٌ ﴿265﴾ أَيَوَدُّ أَحَدُكُمْ أَن تَكُونَ
لَهُۥ جَنَّةٌ مِّن نَّخِيلٍ وَأَعْنَابٍ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ لَهُۥ
فِيهَا مِن كُلِّ ٱلثَّمَرَٰتِ وَأَصَابَهُ ٱلْكِبَرُ وَلَهُۥ ذُرِّيَّةٌ ضُعَفَآءُ
فَأَصَابَهَآ إِعْصَارٌ فِيهِ نَارٌ فَٱحْتَرَقَتْ ۗ كَذَٰلِكَ يُبَيِّنُ ٱللَّهُ
لَكُمُ ٱلْـَٔايَٰتِ لَعَلَّكُمْ تَتَفَكَّرُونَ ﴿266﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوٓا۟ أَنفِقُوا۟ مِن طَيِّبَٰتِ مَا كَسَبْتُمْ وَمِمَّآ أَخْرَجْنَا
لَكُم مِّنَ ٱلْأَرْضِ ۖ وَلَا تَيَمَّمُوا۟ ٱلْخَبِيثَ مِنْهُ تُنفِقُونَ وَلَسْتُم
بِـَٔاخِذِيهِ إِلَّآ أَن تُغْمِضُوا۟ فِيهِ ۚ وَٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّ ٱللَّهَ غَنِىٌّ حَمِيدٌ
﴿267﴾ ٱلشَّيْطَٰنُ يَعِدُكُمُ ٱلْفَقْرَ وَيَأْمُرُكُم بِٱلْفَحْشَآءِ ۖ
وَٱللَّهُ يَعِدُكُم مَّغْفِرَةً مِّنْهُ وَفَضْلًا ۗ وَٱللَّهُ وَٰسِعٌ عَلِيمٌ ﴿268﴾
يُؤْتِى ٱلْحِكْمَةَ مَن يَشَآءُ ۚ وَمَن يُؤْتَ ٱلْحِكْمَةَ فَقَدْ
أُوتِىَ خَيْرًا كَثِيرًا ۗ وَمَا يَذَّكَّرُ إِلَّآ أُو۟لُوا۟ ٱلْأَلْبَٰبِ ﴿269﴾

265. Dawk li jonfqu ġidhom biex jogħġbu lil Alla u biex iqawwu lilhom infushom huma bħal ġnien fuq għolja: tinżel fuqu xita qawwija, *(u arah)* jagħti d-doppju tal-frott, u jekk ma tinżilx fuqu xita qawwija, in-nida *(tkun biżżejjed għalih)*. Alla jara sew dak li tagħmlu.

266. Irid xi ħadd minnkom li jkollu ġnien *(b'siġar)* tal-palm u l-għeneb, bix-xmajjar jiġru taħtu u fih ikollu mill-frott kollu, imbagħad jikber, u wliedu jkunu dgħajfin *(għaliex ikunu għadhom żgħar u ma jistgħux jieħdu ħsieb il-ġnien)*, u tolqtu tromba rih bin-nar fiha, u taħarqu? Hekk Alla jurikom bić-ċar is-sinjali *(tiegħu)* biex forsi tixtarru *(is-siwi tagħhom)*.

267. Intom li temmnu, onfqu mill-ħwejjeġ tajba li ksibtu u minn dak li ħriġnielkom mill-art, u la tfittxux li tagħtu l-ħażin minnu, meta intom, kieku, ma teħduhx jekk mhux b'għajnejkom magħluqin *(biex ma tarawhx)*. U kunu afu li Alla Għani u jistħoqq kull tifħir.

268. Ix-Xitan iwegħedkom il-faqar u jamrilkom tagħmlu l-faħx. Iżda Alla jwegħedkom maħfra minnu u tjieba. Alla jesa' kollox, u jaf kollox.

269. Huwa jagħti l-għerf lil min irid, u min jingħata l-għerf ikun ingħata ġid kotran. Iżda ħadd ma jżomm f'rasu *(dan il-kliem)* għajr dawk ta' dehen.

وَمَآ أَنفَقْتُم مِّن نَّفَقَةٍ أَوْ نَذَرْتُم مِّن نَّذْرٍ فَإِنَّ ٱللَّهَ
يَعْلَمُهُۥ ۗ وَمَا لِلظَّٰلِمِينَ مِنْ أَنصَارٍ ﴿270﴾ إِن تُبْدُوا۟
ٱلصَّدَقَٰتِ فَنِعِمَّا هِىَ ۖ وَإِن تُخْفُوهَا وَتُؤْتُوهَا ٱلْفُقَرَآءَ
فَهُوَ خَيْرٌ لَّكُمْ ۚ وَيُكَفِّرُ عَنكُم مِّن سَيِّـَٔاتِكُمْ ۗ
وَٱللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ خَبِيرٌ ﴿271﴾ ۞ لَّيْسَ عَلَيْكَ هُدَىٰهُمْ
وَلَٰكِنَّ ٱللَّهَ يَهْدِى مَن يَشَآءُ ۗ وَمَا تُنفِقُوا۟ مِنْ خَيْرٍ
فَلِأَنفُسِكُمْ ۚ وَمَا تُنفِقُونَ إِلَّا ٱبْتِغَآءَ وَجْهِ ٱللَّهِ ۚ
وَمَا تُنفِقُوا۟ مِنْ خَيْرٍ يُوَفَّ إِلَيْكُمْ وَأَنتُمْ لَا تُظْلَمُونَ
﴿272﴾ لِلْفُقَرَآءِ ٱلَّذِينَ أُحْصِرُوا۟ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ
لَا يَسْتَطِيعُونَ ضَرْبًا فِى ٱلْأَرْضِ يَحْسَبُهُمُ
ٱلْجَاهِلُ أَغْنِيَآءَ مِنَ ٱلتَّعَفُّفِ تَعْرِفُهُم بِسِيمَٰهُمْ
لَا يَسْـَٔلُونَ ٱلنَّاسَ إِلْحَافًا ۗ وَمَا تُنفِقُوا۟ مِنْ خَيْرٍ
فَإِنَّ ٱللَّهَ بِهِۦ عَلِيمٌ ﴿273﴾ ٱلَّذِينَ يُنفِقُونَ أَمْوَٰلَهُم
بِٱلَّيْلِ وَٱلنَّهَارِ سِرًّا وَعَلَانِيَةً فَلَهُمْ أَجْرُهُمْ عِندَ
رَبِّهِمْ وَلَا خَوْفٌ عَلَيْهِمْ وَلَا هُمْ يَحْزَنُونَ ﴿274﴾

نصف الحزب 5

270. L-infiq li tonfqu *(għall-karità)* u l-weghdiet li twiegħdu, Alla tabilħaqq jaf bihom. Il-ħżiena ma għandhomx min jgħinhom.

271. Jekk turu l-għotjiet *(ta' karità li tagħmlu)* huwa tajjeb, iżda jekk taħbuhom u tagħtuhom lill-foqra, dan ikun aħjar għalikom, u *(Alla)* jaħfrilkom uħud mill-għemejjel ħżiena tagħkom. Alla jaf sew b'dak li tagħmlu.

272. Ma huwiex dmirek *(Muħammad)* li tqabbadhom it-triq it-tajba, iżda huwa Alla li jqabbad it-triq it-tajba lil min irid Hu. Il-ġid li tonfqu *(għal ħaddieħor jiswa)* għalikom infuskom, u ma tonfquhx jekk mhux biex tfittxu Wiċċ Alla. Il-ġid li tonfqu *(għal ħaddieħor)* jintraddilkom, u ma tmorrux ħażin *(ma' Alla)*.

273. *(Il-karità hija)* għall-foqra li huma mxekkla *(u ma jistgħux isiefru)* għal Alla, u li ma jistgħux iterrqu fl-art *(biex isibu l-għajxien tagħhom)*. Min ma jafx, jaħsibhom għonja minħabba li joqogħdu lura milli jittallbu. *(Lil dawn)* tagħrafhom mis-sinjal tagħhom: huma ma jittallbux mingħand in-nies b'fittaġni. U l-ġid li tonfqu *(għal ħaddieħor)*, Alla tabilħaqq jaf sew bih.

274. Dawk li jonfqu ġidhom *(fil-karità)*, lejl u nhar, bil-moħbi u bil-miftuħ, għandhom ħlashom għand Sidhom, u la jkun hemm biża' fuqhom, u lanqas jitnikktu.

ٱلَّذِينَ يَأْكُلُونَ ٱلرِّبَوٰا۟ لَا يَقُومُونَ إِلَّا كَمَا يَقُومُ ٱلَّذِى
يَتَخَبَّطُهُ ٱلشَّيْطَٰنُ مِنَ ٱلْمَسِّ ۚ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمْ قَالُوٓا۟ إِنَّمَا ٱلْبَيْعُ
مِثْلُ ٱلرِّبَوٰا۟ ۗ وَأَحَلَّ ٱللَّهُ ٱلْبَيْعَ وَحَرَّمَ ٱلرِّبَوٰا۟ ۚ فَمَن جَآءَهُۥ مَوْعِظَةٌ
مِّن رَّبِّهِۦ فَٱنتَهَىٰ فَلَهُۥ مَا سَلَفَ وَأَمْرُهُۥٓ إِلَى ٱللَّهِ ۖ وَمَنْ عَادَ
فَأُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلنَّارِ ۖ هُمْ فِيهَا خَٰلِدُونَ ﴿275﴾ يَمْحَقُ
ٱللَّهُ ٱلرِّبَوٰا۟ وَيُرْبِى ٱلصَّدَقَٰتِ ۗ وَٱللَّهُ لَا يُحِبُّ كُلَّ كَفَّارٍ أَثِيمٍ ﴿276﴾
إِنَّ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ وَأَقَامُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ
وَءَاتَوُا۟ ٱلزَّكَوٰةَ لَهُمْ أَجْرُهُمْ عِندَ رَبِّهِمْ وَلَا خَوْفٌ عَلَيْهِمْ
وَلَا هُمْ يَحْزَنُونَ ﴿277﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ
وَذَرُوا۟ مَا بَقِىَ مِنَ ٱلرِّبَوٰٓا۟ إِن كُنتُم مُّؤْمِنِينَ ﴿278﴾ فَإِن لَّمْ تَفْعَلُوا۟
فَأْذَنُوا۟ بِحَرْبٍ مِّنَ ٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦ ۖ وَإِن تُبْتُمْ فَلَكُمْ رُءُوسُ
أَمْوَٰلِكُمْ لَا تَظْلِمُونَ وَلَا تُظْلَمُونَ ﴿279﴾ وَإِن كَانَ
ذُو عُسْرَةٍ فَنَظِرَةٌ إِلَىٰ مَيْسَرَةٍ ۚ وَأَن تَصَدَّقُوا۟ خَيْرٌ لَّكُمْ ۖ
إِن كُنتُمْ تَعْلَمُونَ ﴿280﴾ وَٱتَّقُوا۟ يَوْمًا تُرْجَعُونَ فِيهِ إِلَى
ٱللَّهِ ۖ ثُمَّ تُوَفَّىٰ كُلُّ نَفْسٍ مَّا كَسَبَتْ وَهُمْ لَا يُظْلَمُونَ ﴿281﴾

275. Dawk li jieklu l-imgħax, ma jqumux *(la f'din il-ħajja u lanqas fl-Oħra)* jekk mhux bħal dak li messu x-Xitan u ġennu. Dan għaliex huma qalu: "Il-bejgħ *(u x-xiri)* bħall-imgħax." Iżda Alla ppermetta l-bejgħ *(u x-xiri)*, u pprojbixxa l-imgħax. Min jiġih it-twiddib minn Sidu *(dwar il-kruha ta' l-imgħax)* u jieqaf, tiegħu *(ikun il-qligħ)* ta' qabel *(li kien kiseb mill-imgħax)*, u minnu lil Alla *(li jista' jaħfirlu jew jikkastigah)*. Iżda dawk li jerġgħu għalli kienu, dawk huma nies in-Nar, u fih *(jgħammru)* għal dejjem.

276. Alla jeqred l-imgħax u jkattar il-karitajiet. Alla ma jħobbx lil kulmin ma jemminx u *(lil kulmin hu)* ħati.

277. Tabilħaqq li dawk li jemmnu, jagħmlu għemejjel tajba, jagħmlu t-talb u jagħtu l-karità, għandhom ħlashom għand Sidhom, u ma hemm ebda biża' fuqhom u lanqas jitnikktu.

278. Intom li temmnu, ibżgħu minn Alla u ċedu dak li baqa' *(tieħdu)* mill-imgħax, jekk tassew temmnu.

279. Jekk ma tagħmlux *(dan)*, mela stennew gwerra minn Alla u mill-Mibgħut tiegħu. U jekk tindmu, tagħkom ikunu fluskom *(li selliftu mingħajr imgħax, u b'hekk)* la tagħmlu inġustizzja *(għaliex tieħdu l-imgħax)*, u lanqas issir inġustizzja magħkom *(u titilfu fluskom)*.

280. Jekk *(min issellef)* ikun magħfus *(u ma jkunx f'qagħda li jħallas malajr, agħtuh)* iż-żmien sa ma jkun jista' *(jħallas)*. U li taħfrulu dejnu, b'karità, ikun aħjar għalikom, li kieku kontu tafu.

281. Ibżgħu minn Jum *(il-Qawmien)* li fih terġgħu lura lejn Alla. Imbagħad kulħadd jitħallas ta' dak li għamel, u ma ssirx inġustizzja magħhom.

يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِذَا تَدَايَنتُم بِدَيْنٍ إِلَىٰٓ أَجَلٍ مُّسَمًّى
فَٱكْتُبُوهُ ۚ وَلْيَكْتُب بَّيْنَكُمْ كَاتِبٌۢ بِٱلْعَدْلِ ۚ وَلَا يَأْبَ
كَاتِبٌ أَن يَكْتُبَ كَمَا عَلَّمَهُ ٱللَّهُ ۚ فَلْيَكْتُبْ وَلْيُمْلِلِ
ٱلَّذِى عَلَيْهِ ٱلْحَقُّ وَلْيَتَّقِ ٱللَّهَ رَبَّهُۥ وَلَا يَبْخَسْ مِنْهُ شَيْـًٔا ۚ
فَإِن كَانَ ٱلَّذِى عَلَيْهِ ٱلْحَقُّ سَفِيهًا أَوْ ضَعِيفًا أَوْ لَا يَسْتَطِيعُ
أَن يُمِلَّ هُوَ فَلْيُمْلِلْ وَلِيُّهُۥ بِٱلْعَدْلِ ۚ وَٱسْتَشْهِدُوا۟ شَهِيدَيْنِ
مِن رِّجَالِكُمْ ۖ فَإِن لَّمْ يَكُونَا رَجُلَيْنِ فَرَجُلٌ وَٱمْرَأَتَانِ
مِمَّن تَرْضَوْنَ مِنَ ٱلشُّهَدَآءِ أَن تَضِلَّ إِحْدَىٰهُمَا فَتُذَكِّرَ
إِحْدَىٰهُمَا ٱلْأُخْرَىٰ ۚ وَلَا يَأْبَ ٱلشُّهَدَآءُ إِذَا مَا دُعُوا۟ ۚ وَلَا تَسْـَٔمُوٓا۟
أَن تَكْتُبُوهُ صَغِيرًا أَوْ كَبِيرًا إِلَىٰٓ أَجَلِهِۦ ۚ ذَٰلِكُمْ أَقْسَطُ
عِندَ ٱللَّهِ وَأَقْوَمُ لِلشَّهَٰدَةِ وَأَدْنَىٰٓ أَلَّا تَرْتَابُوٓا۟ ۖ إِلَّآ أَن تَكُونَ
تِجَٰرَةً حَاضِرَةً تُدِيرُونَهَا بَيْنَكُمْ فَلَيْسَ عَلَيْكُمْ جُنَاحٌ
أَلَّا تَكْتُبُوهَا ۗ وَأَشْهِدُوٓا۟ إِذَا تَبَايَعْتُمْ ۚ وَلَا يُضَآرَّ كَاتِبٌ
وَلَا شَهِيدٌ ۚ وَإِن تَفْعَلُوا۟ فَإِنَّهُۥ فُسُوقٌۢ بِكُمْ ۗ وَٱتَّقُوا۟
ٱللَّهَ ۖ وَيُعَلِّمُكُمُ ٱللَّهُ ۗ وَٱللَّهُ بِكُلِّ شَىْءٍ عَلِيمٌ ﴿282﴾

282. Intom li temmnu, meta tiddejnu għal xi żmien miftiehem, iktbuh. Ħa jikteb l-iskrivan *(il-ftehim ta')* bejnietkom bil-ħaqq. L-iskrivan ma għandux jirrifjuta li jikteb kif għallmu Alla. Mela ħalli jikteb! U dak li fuqu *(jaqa')* id-dmir *(li jrodd is-self)* għandu jgħid *(lill-iskrivan)* x'għandu jinkiteb. Ħalli jibża' minn Alla Sidu u ma jnaqqas xejn minnu. Jekk dak li fuqu *(jaqa')* id-dmir *(li jrodd is-self)* ikun iblah jew dgħajjef, jew ma jkunx jista' jgħid huwa *(stess)* x'għandu jinkiteb, mela ħalli dak li jieħu ħsiebu jiddetta *(x'għandu jinkiteb, minfloku)*, bil-ħaqq. Ġibu żewġ xhieda minn fost l-irġiel tagħkom, u jekk ma jkunux żewġt irġiel, mela *(ġibu)* raġel u żewġ nisa minn dawk li intom kuntenti bihom bħala xhieda, biex jekk waħda minnhom tinsa, waħda tfakkar lill-oħra. Meta jissejħu x-xhieda *(biex jagħtu x-xhieda tagħhom)*, dawn ma għandhomx jgħidu le. Lanqas ma għandkom tiddejqu li tiktbuh *(id-dejn)*, żgħir jew kbir, saż-żmien stabbilit tiegħu. Dan *(li tiktbu l-ftehim tagħkom)* huwa aktar ġust quddiem Alla, huwa aqwa bħala xhieda, u l-aħjar mod biex ma tidħlux fid-dubju *(dwar id-dejn u meta għandu jitħallas)*. Iżda jekk ikun xi negozju ta' dak il-ħin stess, li tagħmlu bejnietkom, ma jkollkom ebda ħtija jekk ma tiktbuhx. Ġibu x-xhieda kull meta tagħmlu xi negozju bejnietkom, u la l-iskrivan u lanqas ix-xhud ma għandu jbati ħsara. Jekk tagħmlu*(lhom xi ħsara)*, dan ikun *(ġej mill-)* ħażen fikom. Ibżgħu minn Alla; Alla jgħallimkom. Alla jaf b'kollox.

ثلاثة أرباع الحزب 5

۞ وَإِن كُنتُمْ عَلَىٰ سَفَرٍ وَلَمْ تَجِدُوا۟ كَاتِبًا فَرِهَٰنٌ مَّقْبُوضَةٌ ۖ
فَإِنْ أَمِنَ بَعْضُكُم بَعْضًا فَلْيُؤَدِّ ٱلَّذِى ٱؤْتُمِنَ أَمَٰنَتَهُۥ وَلْيَتَّقِ
ٱللَّهَ رَبَّهُۥ ۗ وَلَا تَكْتُمُوا۟ ٱلشَّهَٰدَةَ ۚ وَمَن يَكْتُمْهَا فَإِنَّهُۥٓ
ءَاثِمٌ قَلْبُهُۥ ۗ وَٱللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ عَلِيمٌ ﴿283﴾ لِّلَّهِ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَمَا فِى ٱلْأَرْضِ ۗ وَإِن تُبْدُوا۟ مَا فِىٓ أَنفُسِكُمْ أَوْ تُخْفُوهُ
يُحَاسِبْكُم بِهِ ٱللَّهُ ۖ فَيَغْفِرُ لِمَن يَشَآءُ وَيُعَذِّبُ مَن يَشَآءُ ۗ
وَٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿284﴾ ءَامَنَ ٱلرَّسُولُ بِمَآ أُنزِلَ
إِلَيْهِ مِن رَّبِّهِۦ وَٱلْمُؤْمِنُونَ ۚ كُلٌّ ءَامَنَ بِٱللَّهِ وَمَلَٰٓئِكَتِهِۦ وَكُتُبِهِۦ
وَرُسُلِهِۦ لَا نُفَرِّقُ بَيْنَ أَحَدٍ مِّن رُّسُلِهِۦ ۚ وَقَالُوا۟ سَمِعْنَا
وَأَطَعْنَا ۖ غُفْرَانَكَ رَبَّنَا وَإِلَيْكَ ٱلْمَصِيرُ ﴿285﴾ لَا يُكَلِّفُ
ٱللَّهُ نَفْسًا إِلَّا وُسْعَهَا ۚ لَهَا مَا كَسَبَتْ وَعَلَيْهَا مَا ٱكْتَسَبَتْ ۗ
رَبَّنَا لَا تُؤَاخِذْنَآ إِن نَّسِينَآ أَوْ أَخْطَأْنَا ۚ رَبَّنَا وَلَا تَحْمِلْ
عَلَيْنَآ إِصْرًا كَمَا حَمَلْتَهُۥ عَلَى ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِنَا ۚ رَبَّنَا وَلَا
تُحَمِّلْنَا مَا لَا طَاقَةَ لَنَا بِهِۦ ۖ وَٱعْفُ عَنَّا وَٱغْفِرْ لَنَا وَٱرْحَمْنَآ ۚ
أَنتَ مَوْلَىٰنَا فَٱنصُرْنَا عَلَى ٱلْقَوْمِ ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿286﴾

283. Jekk tkunu f'safar u ma ssibux skrivan, *(araw li għallinqas)* taqbdu l-irhna *(bħala garanzija, minflok il-kitba)*. Jekk tafdaw lil xulxin *(bla ma jkun hemm bejnietkom la xhud, la kitba, u lanqas rahan)*, dak li jkun fdat għandu jrodd lura dak li kien fdat lilu, u għandu jibża' minn Alla Sidu. La taħbux ix-xhieda *(vera)*. Min jaħbiha, qalbu tkun tabilħaqq midinba. Alla jaf b'kulma tagħmlu.

284. Ta' Alla huwa kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art. Sew jekk turu x'hemm fi qlubkom, u sew jekk taħbuh, tiegħu Alla għad jagħmel il-kontijiet magħkom. Huwa jaħfer lil min irid, u jikkastiga lil min irid. Alla fuq kollox Setgħan.

285. Il-Mibgħut emmen f'dak li tniżżel lilu minn Sidu, u *(hekk ukoll)* dawk li jemmnu. Kollha emmnu f'Alla, fl-anġli tiegħu, fil-Kotba tiegħu, u fil-Mibgħutin tiegħu. *(Huma jgħidu:)* "Ma nagħmlu distinzjoni bejn ħadd mill-Mibgħutin tiegħu." U qalu: "Smajna *(is-sejħa tiegħek)* u obdejna; *(nitolbu)* il-maħfra tiegħek, Sidna, u lejk nerġgħu lura."

286. Alla ma jgħabbix lir-ruħ ħlief b'dak li tiflaħ. Tagħha huwa *(it-tajjeb)* li kisbet, u kontriha jkun *(il-ħażin)* li għamlet. *(Itolbu hekk:)* "Sidna, la teħodhiex magħna jekk ninsew jew nonqsu! Sidna, la tgħabbiniex b'toqol bħalma għabbejt lil dawk ta' qabilna. Sidna, la tgħabbiniex b'dak li ma nifilħux. Ħassrilna ħtijietna, aħfrilna u ħenn għalina. Inti l-Mulej tagħna; għinna u oħroġna rebbiħin fuq in-nies li ma jemmnux."

سُورَةُ آلِ عِمْرَانَ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

الٓمٓ ﴿1﴾ اللَّهُ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ الْحَيُّ الْقَيُّومُ ﴿2﴾ نَزَّلَ عَلَيْكَ الْكِتَابَ
بِالْحَقِّ مُصَدِّقًا لِّمَا بَيْنَ يَدَيْهِ وَأَنزَلَ التَّوْرَاةَ وَالْإِنجِيلَ ﴿3﴾ مِن
قَبْلُ هُدًى لِّلنَّاسِ وَأَنزَلَ الْفُرْقَانَ ۗ إِنَّ الَّذِينَ كَفَرُوا بِآيَاتِ اللَّهِ لَهُمْ
عَذَابٌ شَدِيدٌ ۗ وَاللَّهُ عَزِيزٌ ذُو انتِقَامٍ ﴿4﴾ إِنَّ اللَّهَ لَا يَخْفَىٰ عَلَيْهِ
شَيْءٌ فِي الْأَرْضِ وَلَا فِي السَّمَاءِ ﴿5﴾ هُوَ الَّذِي يُصَوِّرُكُمْ
فِي الْأَرْحَامِ كَيْفَ يَشَاءُ ۚ لَا إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ الْعَزِيزُ الْحَكِيمُ ﴿6﴾ هُوَ
الَّذِي أَنزَلَ عَلَيْكَ الْكِتَابَ مِنْهُ آيَاتٌ مُّحْكَمَاتٌ هُنَّ أُمُّ الْكِتَابِ
وَأُخَرُ مُتَشَابِهَاتٌ ۖ فَأَمَّا الَّذِينَ فِي قُلُوبِهِمْ زَيْغٌ فَيَتَّبِعُونَ مَا تَشَابَهَ
مِنْهُ ابْتِغَاءَ الْفِتْنَةِ وَابْتِغَاءَ تَأْوِيلِهِ ۗ وَمَا يَعْلَمُ تَأْوِيلَهُ إِلَّا اللَّهُ ۗ
وَالرَّاسِخُونَ فِي الْعِلْمِ يَقُولُونَ آمَنَّا بِهِ كُلٌّ مِّنْ عِندِ رَبِّنَا ۗ وَمَا يَذَّكَّرُ
إِلَّا أُولُو الْأَلْبَابِ ﴿7﴾ رَبَّنَا لَا تُزِغْ قُلُوبَنَا بَعْدَ إِذْ هَدَيْتَنَا وَهَبْ
لَنَا مِن لَّدُنكَ رَحْمَةً ۚ إِنَّكَ أَنتَ الْوَهَّابُ ﴿8﴾ رَبَّنَا إِنَّكَ جَامِعُ
النَّاسِ لِيَوْمٍ لَّا رَيْبَ فِيهِ ۚ إِنَّ اللَّهَ لَا يُخْلِفُ الْمِيعَادَ ﴿9﴾

3. *Sūrat Āl Għimrān*

(Suret il-Familja ta' Għimrān – Niżlet f'Medina b'200 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *'Alif. Lām. Mīm.*
2. Alla ma hemmx alla ħliefu – il-Ħaj, Dak li jżomm minnu nnifsu għal dejjem.
3. Huwa niżżel fuqek *(Muħammad)* il-Ktieb *(il-Qoran)* bis-sewwa, li jseddaq dawk *(il-Kotba li niżlu)* qablu. U niżżel it-*Torā* u l-Evanġelju
4. qabel, bħala tmexxija tajba għan-nies, u niżżel il-Qjies *(li hu l-Qoran, li juri t-tajjeb u l-ħażin)*. Dawk li jiċħdu r-Rivelazzjoni ta' Alla għandhom kastig qalil. Alla Qawwi u jpattiha *(lill-ħżiena b'kastig aħrax)*.
5. Tabilħaqq li ma hemm xejn moħbi minn Alla, la fl-art u lanqas fis-sema.
6. Huwa li jsawwarkom fil-ġwief, kif irid. Ma hemmx alla ħliefu – il-Felħan, l-Għaref.
7. Huwa li niżżel fuqek *(Muħammad)* il-Ktieb. Fih hemm versi li t-tifsir tagħhom huwa mill-aktar ċar – huma Omm il-Ktieb. *(Versi)* oħra jista' jkollhom aktar minn tifsira waħda. Issa dawk li fi qlubhom hemm l-għawġ, *(arahom)* jimxu fuq dawk *(il-versi)* li jista' jkollhom aktar minn tifsira waħda, għaliex iridu *(joħolqu)* it-taħwid, u jridu *(mingħalihom)* ifissruhom. Ħadd ħlief Alla ma jaf it-tifsir *(sħiħ)* tagħhom. Dawk midħla sew ta' l-għerf jgħidu: "Nemmnu fih *(il-Ktieb)*. Kollu *(ġej)* mingħand Sidna!" Iżda ħadd ma jżomm f'rasu *(dan il-kliem)* għajr dawk ta' dehen.
8. *(Huma jgħidu:)* "Sidna, la tħallix li qlubna jitilfu triqithom wara li qabbadtna t-triq it-tajba, u agħtina ħniena mingħandek. Inti tabilħaqq tagħti b'idejk miftuħin."
9. "Sidna, inti tiġma' n-nies għal Jum li ma hemmx dubju dwaru." Alla tabilħaqq ma jiksirx il-weġħda.

إِنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لَن تُغْنِىَ عَنْهُمْ أَمْوَٰلُهُمْ وَلَآ أَوْلَٰدُهُم
مِّنَ ٱللَّهِ شَيْـًٔا ۖ وَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمْ وَقُودُ ٱلنَّارِ ﴿10﴾ كَدَأْبِ ءَالِ
فِرْعَوْنَ وَٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ ۚ كَذَّبُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَا فَأَخَذَهُمُ ٱللَّهُ بِذُنُوبِهِمْ ۗ
وَٱللَّهُ شَدِيدُ ٱلْعِقَابِ ﴿11﴾ قُل لِّلَّذِينَ كَفَرُوا۟ سَتُغْلَبُونَ
وَتُحْشَرُونَ إِلَىٰ جَهَنَّمَ ۚ وَبِئْسَ ٱلْمِهَادُ ﴿12﴾ قَدْ كَانَ
لَكُمْ ءَايَةٌ فِى فِئَتَيْنِ ٱلْتَقَتَا ۖ فِئَةٌ تُقَٰتِلُ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ
وَأُخْرَىٰ كَافِرَةٌ يَرَوْنَهُم مِّثْلَيْهِمْ رَأْىَ ٱلْعَيْنِ ۚ وَٱللَّهُ
يُؤَيِّدُ بِنَصْرِهِۦ مَن يَشَآءُ ۗ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَعِبْرَةً لِّأُو۟لِى
ٱلْأَبْصَٰرِ ﴿13﴾ زُيِّنَ لِلنَّاسِ حُبُّ ٱلشَّهَوَٰتِ مِنَ ٱلنِّسَآءِ
وَٱلْبَنِينَ وَٱلْقَنَٰطِيرِ ٱلْمُقَنطَرَةِ مِنَ ٱلذَّهَبِ وَٱلْفِضَّةِ
وَٱلْخَيْلِ ٱلْمُسَوَّمَةِ وَٱلْأَنْعَٰمِ وَٱلْحَرْثِ ۗ ذَٰلِكَ مَتَٰعُ
ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا ۖ وَٱللَّهُ عِندَهُۥ حُسْنُ ٱلْمَـَٔابِ ﴿14﴾ ۞ قُلْ
أَؤُنَبِّئُكُم بِخَيْرٍ مِّن ذَٰلِكُمْ ۚ لِلَّذِينَ ٱتَّقَوْا۟ عِندَ رَبِّهِمْ جَنَّٰتٌ
تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ خَٰلِدِينَ فِيهَا وَأَزْوَٰجٌ مُّطَهَّرَةٌ
وَرِضْوَٰنٌ مِّنَ ٱللَّهِ ۗ وَٱللَّهُ بَصِيرٌۢ بِٱلْعِبَادِ ﴿15﴾

الحزب 6

10. Dawk li ma jemmnux xejn ma jħarishom ġidhom, u lanqas uliedhom, minn Alla *(u mill-kastig tiegħu)*. Dawk huma ħatab in-Nar.
11. Bħal *(dak li ġara lil)* nies il-Fargħun, u lil dawk ta' qabilhom. Huma giddbu s-sinjali tagħna, u Alla ħadhom bi dnubiethom. Alla Qalil fil-kastig.
12. Għid *(Muħammad)* lil dawk li ma jemmnux: "Se tingħelbu, u tinġabru għall-Infern. Ta' għajb il-friex *(tagħkom fin-Nar)*."
13. Diġà kellkom sinjal *(ta' dan)* f'żewġ ġemgħat li ltaqgħu *(fit-taqbida ta' Badr)*: ġemgħa *(ta' Misilmin)* tqabdet għal Alla, u oħra *(dik tal-pagani mit-tribù ta' Qurajx minn Mekka)* li ma temminx. *(Is-suldati pagani)* raw b'għajnejhom stess li *(l-armata Misilma)* kienet id-doppju tagħhom. Alla jsaħħaħ bl-għajnuna tiegħu lil min irid. F'dan tabilħaqq hawn tagħlima għal dawk li għandhom għajnejn biex jaraw *(u jifhmu)*.
14. Iżżejnet lin-nies l-imħabba tax-xewqat *(imqanqla)* min-nisa, l-ulied, il-qnatar fuq qnatar ta' deheb u fidda, iż-żwiemel immarkati *(għaliex tar-razza)*, il-frat u l-għelieqi. Din hija t-tgawdija *(fiergħa)* tal-ħajja ta' din id-dinja. Għand Alla l-aħjar wasla u ħlas *(għat-tajbin)*.
15. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Triduni ngħarrafkom b'dak li hu aħjar minn dawk *(il-ħwejjeġ fiergħa)*? Għal dawk li jibżgħu *(minn Alla)* għand Sidhom hemm Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom jgħammru għal dejjem. *(Hemm ikollhom)* nisa safjin u l-għaxqa minn Alla. Alla jara sew il-qaddejja *(tiegħu)*."

ٱلَّذِينَ يَقُولُونَ رَبَّنَآ إِنَّنَآ ءَامَنَّا فَٱغْفِرْ لَنَا ذُنُوبَنَا وَقِنَا
عَذَابَ ٱلنَّارِ ﴿16﴾ ٱلصَّٰبِرِينَ وَٱلصَّٰدِقِينَ وَٱلْقَٰنِتِينَ
وَٱلْمُنفِقِينَ وَٱلْمُسْتَغْفِرِينَ بِٱلْأَسْحَارِ ﴿17﴾ شَهِدَ
ٱللَّهُ أَنَّهُۥ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ وَٱلْمَلَٰٓئِكَةُ وَأُو۟لُوا۟ ٱلْعِلْمِ قَآئِمًۢا بِٱلْقِسْطِ ۚ
لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ ﴿18﴾ إِنَّ ٱلدِّينَ عِندَ
ٱللَّهِ ٱلْإِسْلَٰمُ ۗ وَمَا ٱخْتَلَفَ ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْكِتَٰبَ إِلَّا مِنۢ
بَعْدِ مَا جَآءَهُمُ ٱلْعِلْمُ بَغْيًۢا بَيْنَهُمْ ۗ وَمَن يَكْفُرْ بِـَٔايَٰتِ
ٱللَّهِ فَإِنَّ ٱللَّهَ سَرِيعُ ٱلْحِسَابِ ﴿19﴾ فَإِنْ حَآجُّوكَ فَقُلْ أَسْلَمْتُ
وَجْهِىَ لِلَّهِ وَمَنِ ٱتَّبَعَنِ ۗ وَقُل لِّلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْكِتَٰبَ وَٱلْأُمِّيِّـۧنَ
ءَأَسْلَمْتُمْ ۚ فَإِنْ أَسْلَمُوا۟ فَقَدِ ٱهْتَدَوا۟ ۖ وَّإِن تَوَلَّوْا۟ فَإِنَّمَا
عَلَيْكَ ٱلْبَلَٰغُ ۗ وَٱللَّهُ بَصِيرٌۢ بِٱلْعِبَادِ ﴿20﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ يَكْفُرُونَ
بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ وَيَقْتُلُونَ ٱلنَّبِيِّـۧنَ بِغَيْرِ حَقٍّ وَيَقْتُلُونَ
ٱلَّذِينَ يَأْمُرُونَ بِٱلْقِسْطِ مِنَ ٱلنَّاسِ فَبَشِّرْهُم
بِعَذَابٍ أَلِيمٍ ﴿21﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ حَبِطَتْ أَعْمَٰلُهُمْ
فِى ٱلدُّنْيَا وَٱلْءَاخِرَةِ وَمَا لَهُم مِّن نَّٰصِرِينَ ﴿22﴾

16. *(Huma)* dawk li jgħidu: "Sidna, aħna tabilħaqq nemmnu. Mela aħfrilna dnubietna u ħarisna mill-kastig tan-Nar."
17. *(Huma)* dawk li jistabru *(fis-sewwa u fid-dnewwa)*, li jgħidu s-sewwa *(u jagħmlu l-ġid)*, li joqogħdu *(għal Alla)* bil-qima, li jonfqu *(fil-karità)* u li jitolbu l-maħfra maż-żerniq.
18. Alla jixhed li tabilħaqq ma hemmx alla ħliefu, *(u hekk ukoll jixhdu)* l-anġli u dawk mogħnija bl-għerf. Huwa jimxi bil-ġustizzja. Ma hemmx alla ħliefu – il-Qawwi, l-Għaref.
19. Id-din *(tassew)* għand Alla huwa l-Islam. Dawk *(il-Lhud u l-Insara)* li ngħataw il-Ktieb ma tlewmux jekk mhux wara li kien ġiehom l-għerf, minħabba l-inġustizzja kontra xulxin. Min jiċħad is-sinjali ta' Alla, *(jeħtieġ jiftakar li)* Alla tabilħaqq malajr jagħmel il-kontijiet.
20. Għalhekk *(Muħammad)*, jekk *(il-Lhud u l-Insara)* iħaqquha miegħek *(dwar l-Islam)*, għidilhom: "Intlaqt f'idejn Alla, u anki dawk li jimxu warajja." U għid lil dawk *(il-Lhud u l-Insara)* li ngħataw il-Ktieb u lil dawk *(il-pagani)* bla tagħlim: "Jaqaw intlaqtu *(intom ukoll)* f'idejn Alla?" Jekk isiru Misilmin, ikunu fit-triq it-tajba, u jekk jagħtu daharhom *(u ma jagħtux widen)*, dmirek ikun biss *(li twasslilhom)* it-taħbira. Alla jara sew lill-qaddejja *(tiegħu)*.
21. Tabilħaqq li *(lil)* dawk li jiċħdu s-sinjali ta' Alla, joqtlu l-Profeti mingħajr ħaqq, u joqtlu lil dawk fost in-nies li jamru l-ġustizzja, ħabbrilhom kastig ta' wġigħ *(li ġej fuqhom)*.
22. Huma dawk li l-għemejjel tagħhom f'din id-dinja u fl-Oħra sfaw fix-xejn, u ma għandhomx min jgħinhom.

أَلَمْ تَرَ إِلَى الَّذِينَ أُوتُوا نَصِيبًا مِّنَ الْكِتَابِ يُدْعَوْنَ إِلَىٰ كِتَابِ
اللَّهِ لِيَحْكُمَ بَيْنَهُمْ ثُمَّ يَتَوَلَّىٰ فَرِيقٌ مِّنْهُمْ وَهُم مُّعْرِضُونَ ﴿23﴾
ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمْ قَالُوا لَن تَمَسَّنَا النَّارُ إِلَّا أَيَّامًا مَّعْدُودَاتٍ ۖ وَغَرَّهُمْ
فِي دِينِهِم مَّا كَانُوا يَفْتَرُونَ ﴿24﴾ فَكَيْفَ إِذَا جَمَعْنَاهُمْ
لِيَوْمٍ لَّا رَيْبَ فِيهِ ۖ وَوُفِّيَتْ كُلُّ نَفْسٍ مَّا كَسَبَتْ وَهُمْ
لَا يُظْلَمُونَ ﴿25﴾ قُلِ اللَّهُمَّ مَالِكَ الْمُلْكِ تُؤْتِي الْمُلْكَ
مَن تَشَاءُ وَتَنزِعُ الْمُلْكَ مِمَّن تَشَاءُ وَتُعِزُّ مَن تَشَاءُ وَتُذِلُّ
مَن تَشَاءُ ۖ بِيَدِكَ الْخَيْرُ ۖ إِنَّكَ عَلَىٰ كُلِّ شَيْءٍ قَدِيرٌ ﴿26﴾ تُولِجُ اللَّيْلَ
فِي النَّهَارِ وَتُولِجُ النَّهَارَ فِي اللَّيْلِ ۖ وَتُخْرِجُ الْحَيَّ مِنَ الْمَيِّتِ
وَتُخْرِجُ الْمَيِّتَ مِنَ الْحَيِّ ۖ وَتَرْزُقُ مَن تَشَاءُ بِغَيْرِ حِسَابٍ ﴿27﴾
لَّا يَتَّخِذِ الْمُؤْمِنُونَ الْكَافِرِينَ أَوْلِيَاءَ مِن دُونِ الْمُؤْمِنِينَ ۖ وَمَن
يَفْعَلْ ذَٰلِكَ فَلَيْسَ مِنَ اللَّهِ فِي شَيْءٍ إِلَّا أَن تَتَّقُوا مِنْهُمْ
تُقَاةً ۗ وَيُحَذِّرُكُمُ اللَّهُ نَفْسَهُ ۗ وَإِلَى اللَّهِ الْمَصِيرُ ﴿28﴾ قُلْ
إِن تُخْفُوا مَا فِي صُدُورِكُمْ أَوْ تُبْدُوهُ يَعْلَمْهُ اللَّهُ ۗ وَيَعْلَمُ مَا فِي
السَّمَاوَاتِ وَمَا فِي الْأَرْضِ ۗ وَاللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ شَيْءٍ قَدِيرٌ ﴿29﴾

23. Mela ma rajtx *(x'ġara, Muħammad)* lil dawk *(il-Lhud)* li ngħataw sehem mill-Ktieb? Huma kienu msejħa lejn il-Ktieb ta' Alla biex jagħmel ħaqq minnhom, imbagħad ġemgħa minnhom tat daharha *(ma tatx widen)* u warrbet *(il-kelma ta' Alla)*.

24. Dak għaliex huma qalu: "Ma huwiex se jmissna n-Nar, ħlief għal xi jiem magħduda." Dak li kienu jaqilgħu minn żniedhom qarraq bihom dwar ir-reliġjon tagħhom.

25. U kif *(se jibqgħu)* meta niġimgħuhom għal *(dak il-)* Jum li ma hemmx dubju dwaru *(tal-Qawmien mill-imwiet, meta)* kull ruħ titħallas ta' dak li kisbet, u ma ssirx inġustizzja magħhom.

26. Għid: "O Alla, Sid is-saltna *(u l-qawwa)*, Inti tagħti s-saltna lil min trid, u tneżża' mis-saltna lil min trid. Inti tagħti ġieħ lil min trid, u tkasbar lil min trid. F'idek il-ġid. Inti tabilħaqq fuq kollox Setgħan.

27. Inti ddaħħal il-lejl fin-nhar, u ddaħħal in-nhar fil-lejl; toħroġ il-ħaj mill-mejjet, u toħroġ il-mejjet mill-ħaj. Inti tagħti l-ġid lil min trid, bla qjies."

28. Dawk li jemmnu ma għandhomx jieħdu b'alleati tagħhom lil dawk li ma jemmnux, minflok *(ma jieħdu lil dawk bħalhom)* li emmnu. Min jagħmel hekk, ma huwa f'xejn ma' Alla, ħlief biex titħarsu minnhom *(jekk ikun hemm bżonn)*. Alla jwissikom biex tibżgħu minnu. Lura lejn Alla t-tmiem *(ta' kull bniedem fl-Aħħar Jum)*.

29. Għid *(Muħammad)*: "Sew jekk taħbu dak li għandkom fi qlubkom, u sew jekk turuh, Alla jaf bih, u jaf b'dak li hemm fis-smewwiet u b'dak li hemm fl-art. Alla fuq kollox Setgħan."

يَوْمَ تَجِدُ كُلُّ نَفْسٍ مَّا عَمِلَتْ مِنْ خَيْرٍ مُّحْضَرًا وَمَا عَمِلَتْ
مِن سُوٓءٍ تَوَدُّ لَوْ أَنَّ بَيْنَهَا وَبَيْنَهُۥٓ أَمَدًۢا بَعِيدًا ۗ وَيُحَذِّرُكُمُ
ٱللَّهُ نَفْسَهُۥ ۗ وَٱللَّهُ رَءُوفٌۢ بِٱلْعِبَادِ ﴿30﴾ قُلْ إِن كُنتُمْ تُحِبُّونَ ٱللَّهَ
فَٱتَّبِعُونِى يُحْبِبْكُمُ ٱللَّهُ وَيَغْفِرْ لَكُمْ ذُنُوبَكُمْ ۗ وَٱللَّهُ غَفُورٌ رَّحِيمٌ
﴿31﴾ قُلْ أَطِيعُوا۟ ٱللَّهَ وَٱلرَّسُولَ ۖ فَإِن تَوَلَّوْا۟ فَإِنَّ ٱللَّهَ لَا يُحِبُّ
ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿32﴾ ۞ إِنَّ ٱللَّهَ ٱصْطَفَىٰٓ ءَادَمَ وَنُوحًا وَءَالَ إِبْرَٰهِيمَ
وَءَالَ عِمْرَٰنَ عَلَى ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿33﴾ ذُرِّيَّةًۢ بَعْضُهَا مِنۢ بَعْضٍ ۗ وَٱللَّهُ
سَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿34﴾ إِذْ قَالَتِ ٱمْرَأَتُ عِمْرَٰنَ رَبِّ إِنِّى نَذَرْتُ لَكَ
مَا فِى بَطْنِى مُحَرَّرًا فَتَقَبَّلْ مِنِّىٓ ۖ إِنَّكَ أَنتَ ٱلسَّمِيعُ ٱلْعَلِيمُ ﴿35﴾ فَلَمَّا
وَضَعَتْهَا قَالَتْ رَبِّ إِنِّى وَضَعْتُهَآ أُنثَىٰ وَٱللَّهُ أَعْلَمُ بِمَا وَضَعَتْ
وَلَيْسَ ٱلذَّكَرُ كَٱلْأُنثَىٰ ۖ وَإِنِّى سَمَّيْتُهَا مَرْيَمَ وَإِنِّىٓ أُعِيذُهَا بِكَ
وَذُرِّيَّتَهَا مِنَ ٱلشَّيْطَٰنِ ٱلرَّجِيمِ ﴿36﴾ فَتَقَبَّلَهَا رَبُّهَا بِقَبُولٍ
حَسَنٍ وَأَنۢبَتَهَا نَبَاتًا حَسَنًا وَكَفَّلَهَا زَكَرِيَّا ۖ كُلَّمَا دَخَلَ عَلَيْهَا
زَكَرِيَّا ٱلْمِحْرَابَ وَجَدَ عِندَهَا رِزْقًا ۖ قَالَ يَٰمَرْيَمُ أَنَّىٰ لَكِ هَٰذَا ۖ
قَالَتْ هُوَ مِنْ عِندِ ٱللَّهِ ۖ إِنَّ ٱللَّهَ يَرْزُقُ مَن يَشَآءُ بِغَيْرِ حِسَابٍ ﴿37﴾

ربع الحزب 6

30. Fil-Jum meta kull ruħ issib quddiemha t-tajjeb li għamlet u l-ħażin li għamlet, hija tkun tixtieq li kieku bejnha u bejnu *(il-ħażen tagħha)* kien hemm bogħod bla tarf. Alla jwissikom biex minnu tibżgħu. Alla huwa Kollu Tjubija mal-qaddejja *(tiegħu)*.

31. Għid *(Muħammad)*: "Jekk tħobbu lil Alla, mela imxu warajja. Alla jħobbkom u jaħfrilkom dnubietkom. Alla Kollu Maħfra, Ħanin."

32. Għid *(Muħammad)*: "Obdu lil Alla u lill-Mibgħut *(tiegħu)*!" U jekk jagħtu daharhom *(u ma jagħtux widen)*, Alla ma jħobbx lil dawk li ma jemmnux.

33. Alla tabilħaqq għażel lil Adam, lil Noè, lil nies Abraham u lil nies Għimrān *(missier Marija)* fuq il-ħlejjaq *(tiegħu kollha)*,

34. *(biex ikunu)* in-nisel, wieħed mill-ieħor. Alla jisma' kollox u jaf b'kollox.

35. *(Ftakar Muħammad)* meta mart Għimrān qalet: "Sidi, jiena nwiegħdek dak li għandi fil-ġuf tiegħi, ħieles *(u mogħti għal kollox għalik)*. Mela ilqa' *(dan)* minni. Tabilħaqq Inti tisma' kollox u taf b'kollox."

36. Meta wellditha *(lil Marija)*, qalet *(b'sogħba)*: "Sidi, wellidt tifla." Alla jaf aktar *(minnha)* b'dak li welldet, u r-raġel ma huwiex bħall-mara. "Jiena tabilħaqq semmejtha Marija, u tabilħaqq inqiegħed lilha u lil nisilha taħt il-ħarsien tiegħek mix-Xitan il-miskut."

37. Sidha laqagħha tajjeb *(lil Marija)*, u ra li tikber sewwa. Huwa għaddieha għall-ħarsien ta' Żakkarija. Kull meta Żakkarija daħal għandha, f'kamritha tat-talb, kien isib li għandha kulma teħtieġ għall-għajxien *(saħansitra frott barra żmienu)*. Qal*(ilha)*: "Marija, minn fejn *(jiġik)* dan?" Qalet: "Huwa mingħand Alla. Alla jagħti l-ġid *(tiegħu)* lil min irid, bla qjies."

هُنَالِكَ دَعَا زَكَرِيَّا رَبَّهُ ۖ قَالَ رَبِّ هَبْ لِي مِن لَّدُنكَ ذُرِّيَّةً
طَيِّبَةً ۖ إِنَّكَ سَمِيعُ الدُّعَاءِ ﴿38﴾ فَنَادَتْهُ الْمَلَائِكَةُ وَهُوَ قَائِمٌ
يُصَلِّي فِي الْمِحْرَابِ أَنَّ اللَّهَ يُبَشِّرُكَ بِيَحْيَىٰ مُصَدِّقًا بِكَلِمَةٍ مِّنَ
اللَّهِ وَسَيِّدًا وَحَصُورًا وَنَبِيًّا مِّنَ الصَّالِحِينَ ﴿39﴾ قَالَ رَبِّ
أَنَّىٰ يَكُونُ لِي غُلَامٌ وَقَدْ بَلَغَنِيَ الْكِبَرُ وَامْرَأَتِي عَاقِرٌ ۖ قَالَ
كَذَٰلِكَ اللَّهُ يَفْعَلُ مَا يَشَاءُ ﴿40﴾ قَالَ رَبِّ اجْعَل لِّي آيَةً ۚ
قَالَ آيَتُكَ أَلَّا تُكَلِّمَ النَّاسَ ثَلَاثَةَ أَيَّامٍ إِلَّا رَمْزًا ۗ وَاذْكُر
رَّبَّكَ كَثِيرًا وَسَبِّحْ بِالْعَشِيِّ وَالْإِبْكَارِ ﴿41﴾ وَإِذْ قَالَتِ
الْمَلَائِكَةُ يَا مَرْيَمُ إِنَّ اللَّهَ اصْطَفَاكِ وَطَهَّرَكِ وَاصْطَفَاكِ
عَلَىٰ نِسَاءِ الْعَالَمِينَ ﴿42﴾ يَا مَرْيَمُ اقْنُتِي لِرَبِّكِ وَاسْجُدِي
وَارْكَعِي مَعَ الرَّاكِعِينَ ﴿43﴾ ذَٰلِكَ مِنْ أَنبَاءِ الْغَيْبِ نُوحِيهِ
إِلَيْكَ ۚ وَمَا كُنتَ لَدَيْهِمْ إِذْ يُلْقُونَ أَقْلَامَهُمْ أَيُّهُمْ يَكْفُلُ
مَرْيَمَ وَمَا كُنتَ لَدَيْهِمْ إِذْ يَخْتَصِمُونَ ﴿44﴾ إِذْ قَالَتِ
الْمَلَائِكَةُ يَا مَرْيَمُ إِنَّ اللَّهَ يُبَشِّرُكِ بِكَلِمَةٍ مِّنْهُ اسْمُهُ الْمَسِيحُ
عِيسَى ابْنُ مَرْيَمَ وَجِيهًا فِي الدُّنْيَا وَالْآخِرَةِ وَمِنَ الْمُقَرَّبِينَ ﴿45﴾

38. Hemm talab Żakkarija lil Sidu u qal: "Sidi, agħtini mingħandek nisel tajjeb. Inti tabilħaqq tisma' t-talb."
39. U l-anġli sejħulu, waqt li kien wieqaf jitlob fil-kamra tat-talb *(u qalulu)*: "Alla jagħtik il-bxara t-tajba ta' Ġwanni, li *(jiġi biex)* iseddaq kelma minn Alla u *(jkun)* sid *(fost niesu)*, kollu safa, Profeta, u wieħed mix-xirka tat-tajbin."
40. Qal *(Żakkarija)*: "Sidi, kif *(jista')* ikolli iben meta xjaħt, u marti ma jistax ikollha tfal?" Qal: "Hekk *(iseħħ)*; Alla jagħmel dak li jrid!"
41. Qal: "Sidi, agħtini sinjal." Qal: "Is-sinjal tiegħek ikun li ma tkellimx lin-nies għal tlett ijiem, ħlief bis-sinjali. U ftakar ħafna f'Sidek, u sebbaħ *(lilu)* filgħaxija u filgħodu."
42. U *(ftakar Muħammad)* meta l-anġli qalu: "Marija, Alla tabilħaqq għażlek u saffiek; Huwa għażlek fuq in-nisa tal-ħolqien *(kollu)*."
43. "Marija, qim lil Sidek, u nxteħet fl-art *(fit-talb)*, u mil ma' dawk li jmilu!"
44. Dawk huma whud mill-ġrajjiet tal-ħwejjeġ mistura li Aħna nnebbħulek *(Muħammad, u ngħallmuk)*. Inti ma kontx magħhom *(ir-rabbini tal-Lhud)* meta tefgħu l-pinen *(tal-kitba biex itellgħu x-xorti sabiex jaraw)* min minnhom jieħu ħsieb Marija, u ma kontx magħhom meta tlewmu *(dwar dan)*.
45. *(Ftakar)* meta l-anġli qalu: "Marija, Alla tabilħaqq jagħtik il-bxara t-tajba ta' Kelma minnu: Ismu *(jkun)* il-Messija Ġesù bin Marija, mogħti ġieħ f'*(din)* id-dinja u fl-Oħra, u *(jkun)* minn dawk l-eqreb *(lejn Alla)*.

وَيُكَلِّمُ ٱلنَّاسَ فِى ٱلْمَهْدِ وَكَهْلًا وَمِنَ ٱلصَّٰلِحِينَ (46)
قَالَتْ رَبِّ أَنَّىٰ يَكُونُ لِى وَلَدٌ وَلَمْ يَمْسَسْنِى بَشَرٌ ۖ قَالَ كَذَٰلِكِ
ٱللَّهُ يَخْلُقُ مَا يَشَآءُ ۚ إِذَا قَضَىٰٓ أَمْرًا فَإِنَّمَا يَقُولُ لَهُۥ كُن فَيَكُونُ (47)
وَيُعَلِّمُهُ ٱلْكِتَٰبَ وَٱلْحِكْمَةَ وَٱلتَّوْرَىٰةَ وَٱلْإِنجِيلَ (48)
وَرَسُولًا إِلَىٰ بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ أَنِّى قَدْ جِئْتُكُم بِـَٔايَةٍ مِّن رَّبِّكُمْ ۖ
أَنِّىٓ أَخْلُقُ لَكُم مِّنَ ٱلطِّينِ كَهَيْـَٔةِ ٱلطَّيْرِ فَأَنفُخُ فِيهِ
فَيَكُونُ طَيْرًۢا بِإِذْنِ ٱللَّهِ ۖ وَأُبْرِئُ ٱلْأَكْمَهَ وَٱلْأَبْرَصَ
وَأُحْىِ ٱلْمَوْتَىٰ بِإِذْنِ ٱللَّهِ ۖ وَأُنَبِّئُكُم بِمَا تَأْكُلُونَ وَمَا تَدَّخِرُونَ
فِى بُيُوتِكُمْ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَـَٔايَةً لَّكُمْ إِن كُنتُم مُّؤْمِنِينَ (49)
وَمُصَدِّقًا لِّمَا بَيْنَ يَدَىَّ مِنَ ٱلتَّوْرَىٰةِ وَلِأُحِلَّ لَكُم
بَعْضَ ٱلَّذِى حُرِّمَ عَلَيْكُمْ ۚ وَجِئْتُكُم بِـَٔايَةٍ مِّن رَّبِّكُمْ
فَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَأَطِيعُونِ (50) إِنَّ ٱللَّهَ رَبِّى وَرَبُّكُمْ فَٱعْبُدُوهُ ۗ
هَٰذَا صِرَٰطٌ مُّسْتَقِيمٌ (51) ۞ فَلَمَّآ أَحَسَّ عِيسَىٰ مِنْهُمُ
ٱلْكُفْرَ قَالَ مَنْ أَنصَارِىٓ إِلَى ٱللَّهِ ۖ قَالَ ٱلْحَوَارِيُّونَ نَحْنُ
أَنصَارُ ٱللَّهِ ءَامَنَّا بِٱللَّهِ وَٱشْهَدْ بِأَنَّا مُسْلِمُونَ (52)

نصف الحزب 6

46. Huwa jkellem lin-nies mill-benniena *(tiegħu)*, u *(jkellimhom ukoll)* meta jikber, u *(jkun)* mit-tajbin."

47. Qalet *(Marija)*: "Sidi, kif ikolli iben meta ebda bniedem ma messni?" Qal*(ilha)*: "Hekk *(iseħħ)*; Alla joħloq dak li jrid. Meta jaqta' *(li għandha sseħħ)* xi ħaġa, biżżejjed jgħidilha: 'Kun!' u tkun.

48. U *(Alla)* jgħallmu l-kitba, l-għerf, it-*Torā* u l-Evanġelju,

49. u *(jaħtru)* Mibgħut għal għand Ulied Israel *(b'dan il-messaġġ)*: 'Jiena ġibtilkom sinjal minn Sidkom. Jiena noħolqilkom mit-tajn xbieha ta' tajra, nonfoħ fiha u tkun tajra *(ħajja)*, bir-rieda ta' Alla. Jiena nfejjaq lill-agħma mit-twelid u lill-imġiddem, u nqajjem lill-mejtin, bir-rieda ta' Alla. Jiena nbassrilkom dak li tieklu u dak li tgeddsu fi djarkom. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* għandkom sinjal, li kieku kontu temmnu.

50. *(Jiena ġejt)* biex inseddaq dak li kien qabli, mit-*Torā*, u biex nippermettilkom xi ħwejjeġ li *(qabel)* kienu projbiti għalikom. U ġibtilkom sinjal minn Sidkom. Mela ibżgħu minn Alla, u obduni!

51. Alla tabilħaqq Sidi u Sidkom, mela qimuh! Din hija triq dritta.'"

52. U meta Ġesù ħass fihom *(fil-Lhud)* iċ-ċaħda tat-twemmin, qal: "Min *(huma)* dawk li jimxu warajja u jgħinuni *(fil-ħidma)* ta' Alla?" Id-dixxipli *(tiegħu)* qalu: "Aħna dawk li nżommu ma' Alla. Aħna nemmnu f'Alla, u inti *(Ġesù)* ixhed li aħna Misilmin *(għaliex intlaqna f'idejn Alla)*.

رَبَّنَآ ءَامَنَّا بِمَآ أَنزَلْتَ وَٱتَّبَعْنَا ٱلرَّسُولَ فَٱكْتُبْنَا مَعَ
ٱلشَّٰهِدِينَ ﴿53﴾ وَمَكَرُوا۟ وَمَكَرَ ٱللَّهُ ۖ وَٱللَّهُ خَيْرُ
ٱلْمَٰكِرِينَ ﴿54﴾ إِذْ قَالَ ٱللَّهُ يَٰعِيسَىٰٓ إِنِّى مُتَوَفِّيكَ وَرَافِعُكَ
إِلَىَّ وَمُطَهِّرُكَ مِنَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ وَجَاعِلُ ٱلَّذِينَ ٱتَّبَعُوكَ
فَوْقَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟ إِلَىٰ يَوْمِ ٱلْقِيَٰمَةِ ۖ ثُمَّ إِلَىَّ مَرْجِعُكُمْ
فَأَحْكُمُ بَيْنَكُمْ فِيمَا كُنتُمْ فِيهِ تَخْتَلِفُونَ ﴿55﴾ فَأَمَّا ٱلَّذِينَ
كَفَرُوا۟ فَأُعَذِّبُهُمْ عَذَابًا شَدِيدًا فِى ٱلدُّنْيَا وَٱلْءَاخِرَةِ وَمَا
لَهُم مِّن نَّٰصِرِينَ ﴿56﴾ وَأَمَّا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟
ٱلصَّٰلِحَٰتِ فَيُوَفِّيهِمْ أُجُورَهُمْ ۗ وَٱللَّهُ لَا يُحِبُّ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿57﴾
ذَٰلِكَ نَتْلُوهُ عَلَيْكَ مِنَ ٱلْءَايَٰتِ وَٱلذِّكْرِ ٱلْحَكِيمِ ﴿58﴾ إِنَّ
مَثَلَ عِيسَىٰ عِندَ ٱللَّهِ كَمَثَلِ ءَادَمَ ۖ خَلَقَهُۥ مِن تُرَابٍ ثُمَّ قَالَ
لَهُۥ كُن فَيَكُونُ ﴿59﴾ ٱلْحَقُّ مِن رَّبِّكَ فَلَا تَكُن مِّنَ ٱلْمُمْتَرِينَ ﴿60﴾
فَمَنْ حَآجَّكَ فِيهِ مِنۢ بَعْدِ مَا جَآءَكَ مِنَ ٱلْعِلْمِ فَقُلْ تَعَالَوْا۟ نَدْعُ
أَبْنَآءَنَا وَأَبْنَآءَكُمْ وَنِسَآءَنَا وَنِسَآءَكُمْ وَأَنفُسَنَا وَأَنفُسَكُمْ
ثُمَّ نَبْتَهِلْ فَنَجْعَل لَّعْنَتَ ٱللَّهِ عَلَى ٱلْكَٰذِبِينَ ﴿61﴾

53. Sidna, aħna nemmnu f'dak li niżżilt *(il-Kotba Mqaddsa)*, u nimxu wara l-Mibgħut *(tiegħek)*. Mela iktibna max-xhieda *(li jixhdu għas-sewwa)*."

54. U *(dawk il-Lhud li m'emmnux)* nassu *(u ħadmu minn taħt biex joqtlu lil Ġesù)*, u Alla *(ukoll)* nassas. Alla huwa l-Aqwa fost dawk li jnassu.

55. *(Ftakar, Muħammad)* meta Alla qal: "Ġesù, Jiena tabilħaqq se nieħdok lura *(mid-dinja)*, nerfgħek lejja u nsaffik minn dawk li ma jemmnux. Jiena ngħolli lil dawk li mxew warajk fuq dawk li m'emmnux, sa Jum il-Qawmien. Imbagħad għandi terġgħu lura *(kollha kemm intom)*, u nagħmel ħaqq minnkom fuq dak li kontu titlewmu dwaru.

56. U dawk li m'emmnux nikkastigahom b'kastig qalil f'*(din)* id-dinja u fl-Oħra, u ma jkollhomx min jgħinhom.

57. Iżda dawk li emmnu, u għamlu għemejjel tajba, *(Alla)* jagħtihom ħlasijiethom kollha. Alla ma jħobbx lill-ħżiena."

58. *(Muħammad)* dan li qed naqrawlek huwa mir-Rivelazzjoni *(tagħna)* u tifkira ta' għerf.

59. Tabilħaqq li Ġesù, għal Alla, huwa bħal Adam: Huwa ħalqu minn trab, imbagħad qallu: "Kun!" u kien.

60. *(Muħammad, dan huwa)* is-sewwa mingħand Sidek. Mela la tkunx minn dawk ta' bejn ħalltejn!

61. Min ħaqqaqha miegħek dwaru *(dwar Ġesù)*, wara l-għarfien li ġiek, għid*(ilhom)*: "Ejjew insejħu lil uliedna u lil uliedkom, lin-nisa tagħna u lin-nisa tagħkom, lilna nfusna u lilkom infuskom, imbagħad nitolbu bil-ħerqa, u nsejħu s-saħta ta' Alla fuq il-giddibin!"

إِنَّ هَٰذَا لَهُوَ ٱلْقَصَصُ ٱلْحَقُّ ۚ وَمَا مِنْ إِلَٰهٍ إِلَّا ٱللَّهُ ۚ وَإِنَّ ٱللَّهَ لَهُوَ
ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ ﴿62﴾ فَإِن تَوَلَّوْا۟ فَإِنَّ ٱللَّهَ عَلِيمٌۢ بِٱلْمُفْسِدِينَ ﴿63﴾
قُلْ يَٰٓأَهْلَ ٱلْكِتَٰبِ تَعَالَوْا۟ إِلَىٰ كَلِمَةٍ سَوَآءٍۭ بَيْنَنَا وَبَيْنَكُمْ
أَلَّا نَعْبُدَ إِلَّا ٱللَّهَ وَلَا نُشْرِكَ بِهِۦ شَيْـًٔا وَلَا يَتَّخِذَ بَعْضُنَا
بَعْضًا أَرْبَابًا مِّن دُونِ ٱللَّهِ ۚ فَإِن تَوَلَّوْا۟ فَقُولُوا۟ ٱشْهَدُوا۟ بِأَنَّا
مُسْلِمُونَ ﴿64﴾ يَٰٓأَهْلَ ٱلْكِتَٰبِ لِمَ تُحَآجُّونَ فِىٓ
إِبْرَٰهِيمَ وَمَآ أُنزِلَتِ ٱلتَّوْرَىٰةُ وَٱلْإِنجِيلُ إِلَّا مِنۢ بَعْدِهِۦٓ ۚ أَفَلَا
تَعْقِلُونَ ﴿65﴾ هَٰٓأَنتُمْ هَٰٓؤُلَآءِ حَٰجَجْتُمْ فِيمَا لَكُم بِهِۦ
عِلْمٌ فَلِمَ تُحَآجُّونَ فِيمَا لَيْسَ لَكُم بِهِۦ عِلْمٌ ۚ وَٱللَّهُ يَعْلَمُ وَأَنتُمْ
لَا تَعْلَمُونَ ﴿66﴾ مَا كَانَ إِبْرَٰهِيمُ يَهُودِيًّا وَلَا نَصْرَانِيًّا وَلَٰكِن كَانَ
حَنِيفًا مُّسْلِمًا وَمَا كَانَ مِنَ ٱلْمُشْرِكِينَ ﴿67﴾ إِنَّ أَوْلَى ٱلنَّاسِ
بِإِبْرَٰهِيمَ لَلَّذِينَ ٱتَّبَعُوهُ وَهَٰذَا ٱلنَّبِىُّ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ۗ وَٱللَّهُ وَلِىُّ
ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿68﴾ وَدَّت طَّآئِفَةٌ مِّنْ أَهْلِ ٱلْكِتَٰبِ لَوْ يُضِلُّونَكُمْ
وَمَا يُضِلُّونَ إِلَّآ أَنفُسَهُمْ وَمَا يَشْعُرُونَ ﴿69﴾ يَٰٓأَهْلَ
ٱلْكِتَٰبِ لِمَ تَكْفُرُونَ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ وَأَنتُمْ تَشْهَدُونَ ﴿70﴾

62. Din hija l-ġrajja tabilħaqq *(dwar Ġesù)*. Ma hemmx alla ħlief Alla, u Alla huwa tabilħaqq il-Qawwi, l-Għaref.

63. U jekk jagħtu daharhom *(u ma jagħtux widen)*, Alla jaf kollox dwar dawk li jagħmlu l-ħsara.

64. Għid *(Muħammad)*: "Ja Nies il-Ktieb *(Lhud u Nsara)*, ejjew *(naslu)* għal kelma sewwa bejnna u bejnkom: li ma nqimux ħlief lil Alla, ma nxierku *(miegħu)* xejn, u ma neħdux sidien minn fostna, minflok lil Alla." Jekk *(imbagħad)* jagħtu daharhom *(u ma jagħtux widen)*, għidu: "Ixhdu li aħna Misilmin *(u li ntlaqna f'idejn Alla)*!"

65. Ja Nies il-Ktieb, għaliex toqogħdu tħaqquha dwar Abraham *(u tgħidu li kien jimxi fuq ir-reliġjon tal-Lhud jew ta' l-Insara)*, meta la t-*Torā* u lanqas l-Evanġelju ma tniżżlu jekk mhux warajh? Mela ma għandkomx għaqal *(biex tifhmu)*?

66. Ara, intom dawk li ħaqqaqtuha dwar dak li kellkom xi għarfien dwaru *(jiġifieri dwar Mosè u Ġesù)*. Iżda għaliex tħaqquha dwar dak li ma għandkomx għarfien dwaru *(jiġifieri dwar Abraham li għex mijiet ta' snin qabilkom)*? Alla jaf, u intom ma tafux!

67. Abraham la kien Lhudi u lanqas Nisrani, iżda kellu t-twemmin safi *(l-Islam)* u *(kien)* Mislem. Huwa ma kienx minn dawk li jxierku allat oħra ma' Alla.

68. Tabilħaqq li l-aktar li jistħoqqilhom ikunu nies Abraham huma dawk li mxew warajh, dan il-Profeta *(Muħammad)*, u dawk li jemmnu. Alla d-Difensur ta' dawk li jemmnu.

69. Ġemgħa minn Nies il-Ktieb tixtieq li kieku ttellifkom it-triq *(it-tajba)*. Iżda ma ttellifx it-triq *(it-tajba)* jekk mhux lilha nnifisha, imma ma tintebaħx *(b'dan)*.

70. Ja Nies il-Ktieb, għaliex tiċħdu s-sinjali ta' Alla meta intom tixhdu għalihom *(u tafu li huma s-sewwa)*?

يَٰٓأَهۡلَ ٱلۡكِتَٰبِ لِمَ تَلۡبِسُونَ ٱلۡحَقَّ بِٱلۡبَٰطِلِ وَتَكۡتُمُونَ ٱلۡحَقَّ
وَأَنتُمۡ تَعۡلَمُونَ ﴿71﴾ وَقَالَت طَّآئِفَةٞ مِّنۡ أَهۡلِ ٱلۡكِتَٰبِ ءَامِنُواْ
بِٱلَّذِيٓ أُنزِلَ عَلَى ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ وَجۡهَ ٱلنَّهَارِ وَٱكۡفُرُوٓاْ ءَاخِرَهُۥ
لَعَلَّهُمۡ يَرۡجِعُونَ ﴿72﴾ وَلَا تُؤۡمِنُوٓاْ إِلَّا لِمَن تَبِعَ دِينَكُمۡ قُلۡ إِنَّ
ٱلۡهُدَىٰ هُدَى ٱللَّهِ أَن يُؤۡتَىٰٓ أَحَدٞ مِّثۡلَ مَآ أُوتِيتُمۡ أَوۡ يُحَآجُّوكُمۡ
عِندَ رَبِّكُمۡۗ قُلۡ إِنَّ ٱلۡفَضۡلَ بِيَدِ ٱللَّهِ يُؤۡتِيهِ مَن يَشَآءُۗ وَٱللَّهُ وَٰسِعٌ
عَلِيمٞ ﴿73﴾ يَخۡتَصُّ بِرَحۡمَتِهِۦ مَن يَشَآءُۗ وَٱللَّهُ ذُو ٱلۡفَضۡلِ
ٱلۡعَظِيمِ ﴿74﴾ ۞ وَمِنۡ أَهۡلِ ٱلۡكِتَٰبِ مَنۡ إِن تَأۡمَنۡهُ بِقِنطَارٖ
يُؤَدِّهِۦٓ إِلَيۡكَ وَمِنۡهُم مَّنۡ إِن تَأۡمَنۡهُ بِدِينَارٖ لَّا يُؤَدِّهِۦٓ إِلَيۡكَ إِلَّا
مَا دُمۡتَ عَلَيۡهِ قَآئِمٗاۗ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمۡ قَالُواْ لَيۡسَ عَلَيۡنَا فِي ٱلۡأُمِّيِّـۧنَ
سَبِيلٞ وَيَقُولُونَ عَلَى ٱللَّهِ ٱلۡكَذِبَ وَهُمۡ يَعۡلَمُونَ ﴿75﴾
بَلَىٰ مَنۡ أَوۡفَىٰ بِعَهۡدِهِۦ وَٱتَّقَىٰ فَإِنَّ ٱللَّهَ يُحِبُّ ٱلۡمُتَّقِينَ ﴿76﴾ إِنَّ
ٱلَّذِينَ يَشۡتَرُونَ بِعَهۡدِ ٱللَّهِ وَأَيۡمَٰنِهِمۡ ثَمَنٗا قَلِيلًا أُوْلَٰٓئِكَ لَا
خَلَٰقَ لَهُمۡ فِي ٱلۡأٓخِرَةِ وَلَا يُكَلِّمُهُمُ ٱللَّهُ وَلَا يَنظُرُ إِلَيۡهِمۡ
يَوۡمَ ٱلۡقِيَٰمَةِ وَلَا يُزَكِّيهِمۡ وَلَهُمۡ عَذَابٌ أَلِيمٞ ﴿77﴾

ثلاثة أرباع الحزب 6

71. Ja Nies il-Ktieb, għaliex tlibbsu s-sewwa *(li jinsab fil-Kotba tagħkom stess dwar il-Profeta Muħammad)* bil-gideb, u taħbu s-sewwa, meta intom tafu?

72. Ġemgħa minn Nies il-Ktieb qalet: "Emmnu f'dak li tniżżel fuq dawk li jemmnu *(il-Misilmin)* fil-bidu tal-jum, u iċħduh fl-aħħar tal-jum, forsi *(bis-saħħa ta' dan il-pjan qarrieqi l-Misilmin)* jerġgħu lura *(mit-twemmin tagħhom)*."

73. *(Il-Lhud qalu wkoll bejniethom:)* "U la temmnu *(lil ħadd)*, ħlief lil min jimxi fuq id-din tagħkom." Għid *(Muħammad)*: "It-tmexxija t-tajba *(ma hijiex f'idejn il-Lhud iżda)* hija t-tmexxija ta' Alla." *(Il-Lhud qalu:)* "Araw li ma *(jiġrix li)* ħaddieħor *(mhux Lhudi)* jingħata bħal dak li ngħata lilkom *(il-profezija)*, jew li jħaqquha magħkom quddiem Alla." Għid *(Muħammad)*: "It-tjieba tabilħaqq tinsab f'idejn Alla, u jagħtiha lil min irid. Alla jesa' kollox, u jaf kollox."

74. Huwa jagħżel għall-ħniena tiegħu lil min irid. Alla ta' tjieba bla tarf.

75. Fost Nies il-Ktieb hemm min, jekk tafdah b'qantar, iroddhulek *(mingħajr inkwiet)*, u hemm min, jekk tafdah b'dinar, ma jroddhulekx jekk ma tibqax *(tagħfas)* fuqu *(biex iroddhulek)*. Dan għaliex huma jgħidu: "M'aħniex marbutin bid-dmir lejn dawk bla tagħlim *(jiġifieri l-pagani u kulmin ma huwiex Lhudi)*." Huma qegħdin jgħidu gidba fuq Alla, u huma jafu *(tajjeb x'qegħdin jagħmlu)*.

76. Le *(ma humiex qegħdin jgħidu s-sewwa)*, iżda dak li żamm kelmtu *(ma' Alla u man-nies)*, u jibża' minn Alla *(u ma jigdibx, u lanqas ma jżomm għalih dak li tqiegħed għandu għal xi żmien, tajjeb ikun jaf li)* Alla tabilħaqq iħobb lil dawk li jibżgħu *(minnu)*.

77. Dawk li jbigħu r-rabta ta' Alla *(li kienu ntrabtu biha)* u l-ħalf tagħhom bi prezz irħis, dawk ma jkollhomx sehem fil-*(Ħajja)* l-Oħra, u la jkellimhom Alla, la jħares lejhom f'Jum il-Qawmien *(b'għajn ta' ħniena)*, u lanqas ma jsaffihom *(mid-dnub)*. Għalihom hemm kastig ta' wġigħ.

وَإِنَّ مِنْهُمْ لَفَرِيقًا يَلْوُۥنَ أَلْسِنَتَهُم بِٱلْكِتَٰبِ لِتَحْسَبُوهُ
مِنَ ٱلْكِتَٰبِ وَمَا هُوَ مِنَ ٱلْكِتَٰبِ وَيَقُولُونَ هُوَ
مِنْ عِندِ ٱللَّهِ وَمَا هُوَ مِنْ عِندِ ٱللَّهِ وَيَقُولُونَ عَلَى ٱللَّهِ ٱلْكَذِبَ
وَهُمْ يَعْلَمُونَ ﴿78﴾ مَا كَانَ لِبَشَرٍ أَن يُؤْتِيَهُ ٱللَّهُ ٱلْكِتَٰبَ
وَٱلْحُكْمَ وَٱلنُّبُوَّةَ ثُمَّ يَقُولَ لِلنَّاسِ كُونُوا۟ عِبَادًا لِّى مِن
دُونِ ٱللَّهِ وَلَٰكِن كُونُوا۟ رَبَّٰنِيِّۦنَ بِمَا كُنتُمْ تُعَلِّمُونَ ٱلْكِتَٰبَ
وَبِمَا كُنتُمْ تَدْرُسُونَ ﴿79﴾ وَلَا يَأْمُرَكُمْ أَن تَتَّخِذُوا۟ ٱلْمَلَٰٓئِكَةَ
وَٱلنَّبِيِّۦنَ أَرْبَابًا ۚ أَيَأْمُرُكُم بِٱلْكُفْرِ بَعْدَ إِذْ أَنتُم مُّسْلِمُونَ ﴿80﴾
وَإِذْ أَخَذَ ٱللَّهُ مِيثَٰقَ ٱلنَّبِيِّۦنَ لَمَآ ءَاتَيْتُكُم مِّن كِتَٰبٍ
وَحِكْمَةٍ ثُمَّ جَآءَكُمْ رَسُولٌ مُّصَدِّقٌ لِّمَا مَعَكُمْ لَتُؤْمِنُنَّ
بِهِۦ وَلَتَنصُرُنَّهُۥ ۚ قَالَ ءَأَقْرَرْتُمْ وَأَخَذْتُمْ عَلَىٰ ذَٰلِكُمْ إِصْرِى ۖ
قَالُوٓا۟ أَقْرَرْنَا ۚ قَالَ فَٱشْهَدُوا۟ وَأَنَا۠ مَعَكُم مِّنَ ٱلشَّٰهِدِينَ ﴿81﴾
فَمَن تَوَلَّىٰ بَعْدَ ذَٰلِكَ فَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْفَٰسِقُونَ ﴿82﴾
أَفَغَيْرَ دِينِ ٱللَّهِ يَبْغُونَ وَلَهُۥٓ أَسْلَمَ مَن فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضِ طَوْعًا وَكَرْهًا وَإِلَيْهِ يُرْجَعُونَ ﴿83﴾

78. Tabilħaqq hemm ġemgħa minnhom *(il-Lhud)* li tgħawweġ il-Ktieb bi lsienha biex *(dak li tħarref)* taħsbuh *(li huwa tassew)* mill-Ktieb, iżda ma huwiex mill-Ktieb. Huma jgħidu li huwa mingħand Alla, iżda ma huwiex mingħand Alla, u qegħdin jaqilgħu gideb fuq Alla, u huma jafu *(tajjeb x'qegħdin jagħmlu)*.

79. Ma *(jistax)* ikun li bniedem, wara li Alla jkun tah il-Ktieb, l-għerf, u l-profezija, jgħid lin-nies: "Kunu qaddejja tiegħi, minflok ta' Alla." Iżda *(kliemu għandu jkun)*: "Kunu qaddejja ta' Alla għaliex intom tgħallmu l-Ktieb u tistudjawh."

80. Lanqas ma jamrilkom *(il-Profeta)* tieħdu l-anġli u l-Profeti bħala s-sidien tagħkom. Jaqaw se jamrilkom tiċħdu t-twemmin wara li sirtu Misilmin?

81. U ftakar *(Muħammad)* meta Alla daħal f'rabta mal-Profeti *(u qal)*: "Meta tajtkom Ktieb u għerf, imbagħad ġiekom Mibgħut *(Muħammad)* li jseddaq dak li għandkom, araw li temmnu fih u tgħinuh!" Huwa qal: "Intom qbiltu *(dwar dan)*, u ħadtu *(fuqkom din)* ir-rabta tiegħi?" Qalu: "Qbilna!" Qal*(ilhom)*: "Mela ixhdu, u Jiena, magħkom, fost dawk li jixhdu!"

82. Min *(minnhom)*, wara dan, jagħti dahru *(u jikser il-patt)*, dawk huma l-ħżiena.

83. Jaqaw *(il-Lhud u l-Insara)* ifittxu xi din ieħor għajr id-din ta' Alla, meta kulma huwa fis-smewwiet u fl-art intelaq f'idejh, irid jew ma jridx, u lejh *(għad)* jerġgħu lura?

قُلْ ءَامَنَّا بِاللَّهِ وَمَآ أُنزِلَ عَلَيْنَا وَمَآ أُنزِلَ عَلَىٰٓ إِبْرَٰهِيمَ
وَإِسْمَٰعِيلَ وَإِسْحَٰقَ وَيَعْقُوبَ وَٱلْأَسْبَاطِ وَمَآ أُوتِىَ
مُوسَىٰ وَعِيسَىٰ وَٱلنَّبِيُّونَ مِن رَّبِّهِمْ لَا نُفَرِّقُ بَيْنَ أَحَدٍ
مِّنْهُمْ وَنَحْنُ لَهُۥ مُسْلِمُونَ ﴿84﴾ وَمَن يَبْتَغِ غَيْرَ ٱلْإِسْلَٰمِ
دِينًا فَلَن يُقْبَلَ مِنْهُ وَهُوَ فِى ٱلْءَاخِرَةِ مِنَ ٱلْخَٰسِرِينَ ﴿85﴾
كَيْفَ يَهْدِى ٱللَّهُ قَوْمًا كَفَرُوا۟ بَعْدَ إِيمَٰنِهِمْ وَشَهِدُوٓا۟
أَنَّ ٱلرَّسُولَ حَقٌّ وَجَآءَهُمُ ٱلْبَيِّنَٰتُ ۚ وَٱللَّهُ لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ
ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿86﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ جَزَآؤُهُمْ أَنَّ عَلَيْهِمْ لَعْنَةَ ٱللَّهِ
وَٱلْمَلَٰٓئِكَةِ وَٱلنَّاسِ أَجْمَعِينَ ﴿87﴾ خَٰلِدِينَ فِيهَا لَا يُخَفَّفُ
عَنْهُمُ ٱلْعَذَابُ وَلَا هُمْ يُنظَرُونَ ﴿88﴾ إِلَّا ٱلَّذِينَ تَابُوا۟ مِنۢ
بَعْدِ ذَٰلِكَ وَأَصْلَحُوا۟ فَإِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿89﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ
كَفَرُوا۟ بَعْدَ إِيمَٰنِهِمْ ثُمَّ ٱزْدَادُوا۟ كُفْرًا لَّن تُقْبَلَ تَوْبَتُهُمْ
وَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلضَّآلُّونَ ﴿90﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ وَمَاتُوا۟ وَهُمْ
كُفَّارٌ فَلَن يُقْبَلَ مِنْ أَحَدِهِم مِّلْءُ ٱلْأَرْضِ ذَهَبًا وَلَوِ
ٱفْتَدَىٰ بِهِۦٓ ۗ أُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ وَمَا لَهُم مِّن نَّٰصِرِينَ ﴿91﴾

84. Għid *(Muħammad)*: "Aħna nemmnu f'Alla, f'dak li tniżżlilna, u f'dak li tniżżel lil Abraham, Ismagħel, Iżakk, Ġakobb, u t-tribujiet, u *(nemmnu)* f'dak li ngħata lil Mosè *(it-Torā)*, lil Ġesù *(l-Evanġelju)* u lill-Profeti *(l-oħra)* minn Sidhom. Ma nagħżlu bejn ħadd minnhom, u aħna ntlaqna f'idejh, Misilmin."

85. Min ifittex din *(ieħor)* għajr *(dak ta')* l-Islam ma jkunx milqugħ minnu, u fl-Oħra *(fil-ħajja l-Oħra)* huwa jkun mit-telliefa.

86. Kif ikun li Alla jmexxi fit-triq it-tajba lil nies li jiċħdu twemminhom wara li kienu jemmnu, u xehdu li l-Mibgħut *(Muħammad)* kien tabilħaqq *(Profeta ta' Alla)*, u kienu ġewhom *(is-sinjali)* ċari? Alla ma jmexxix fit-triq it-tajba lin-nies il-ħżiena.

87. Dawk ħlashom ikun li fuqhom *(tinżel)* is-saħta ta' Alla, ta' l-anġli, u tan-nies kollha.

88. Huma jibqgħu fih *(in-Nar)* għal dejjem; il-kastig *(tagħhom)* ma jitħaffilhomx u lanqas jingħataw nifs biex jistrieħu mill-kastig,

89. ħlief dawk li nidmu, wara dan, u nbidlu għall-aħjar. Alla huwa tabilħaqq Kollu Maħfra u Ħanin.

90. Tabilħaqq li dawk li ċaħdu twemminhom, wara li kienu jemmnu, imbagħad żdiedu fiċ-ċaħda tat-twemmin *(tagħhom)*, l-indiema tagħhom *(fis-siegħa tal-mewt tagħhom)* ma tintlaqax *(għaliex ma hijiex ġejja minn qalbhom)*, u dawk huma l-mitlufin.

91. Tabilħaqq li dawk li m'emmnux, u mietu jiċħdu t-twemmin, ma jintlaqa' minn ħadd minnhom kemm tesa' l-art *(kollha)* deheb, *(kieku jistgħu jagħmlu dan)* biex jinfdew bih *(u jeħilsu mill-kastig)*. Dawk għandhom kastig ta' wġigħ, u ma jsibux min jgħinhom.

لَن تَنَالُوا۟ ٱلْبِرَّ حَتَّىٰ تُنفِقُوا۟ مِمَّا تُحِبُّونَ ۚ وَمَا تُنفِقُوا۟ مِن شَىْءٍ
فَإِنَّ ٱللَّهَ بِهِۦ عَلِيمٌ ﴿92﴾ ۞ كُلُّ ٱلطَّعَامِ كَانَ حِلًّا لِّبَنِىٓ
إِسْرَٰٓءِيلَ إِلَّا مَا حَرَّمَ إِسْرَٰٓءِيلُ عَلَىٰ نَفْسِهِۦ مِن قَبْلِ أَن تُنَزَّلَ
ٱلتَّوْرَىٰةُ ۗ قُلْ فَأْتُوا۟ بِٱلتَّوْرَىٰةِ فَٱتْلُوهَآ إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ
﴿93﴾ فَمَنِ ٱفْتَرَىٰ عَلَى ٱللَّهِ ٱلْكَذِبَ مِنۢ بَعْدِ ذَٰلِكَ فَأُو۟لَٰٓئِكَ
هُمُ ٱلظَّٰلِمُونَ ﴿94﴾ قُلْ صَدَقَ ٱللَّهُ ۗ فَٱتَّبِعُوا۟ مِلَّةَ إِبْرَٰهِيمَ حَنِيفًا
وَمَا كَانَ مِنَ ٱلْمُشْرِكِينَ ﴿95﴾ إِنَّ أَوَّلَ بَيْتٍ وُضِعَ لِلنَّاسِ لَلَّذِى
بِبَكَّةَ مُبَارَكًا وَهُدًى لِّلْعَٰلَمِينَ ﴿96﴾ فِيهِ ءَايَٰتٌۢ بَيِّنَٰتٌ مَّقَامُ
إِبْرَٰهِيمَ ۖ وَمَن دَخَلَهُۥ كَانَ ءَامِنًا ۗ وَلِلَّهِ عَلَى ٱلنَّاسِ حِجُّ ٱلْبَيْتِ
مَنِ ٱسْتَطَاعَ إِلَيْهِ سَبِيلًا ۚ وَمَن كَفَرَ فَإِنَّ ٱللَّهَ غَنِىٌّ عَنِ ٱلْعَٰلَمِينَ
﴿97﴾ قُلْ يَٰٓأَهْلَ ٱلْكِتَٰبِ لِمَ تَكْفُرُونَ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ وَٱللَّهُ شَهِيدٌ
عَلَىٰ مَا تَعْمَلُونَ ﴿98﴾ قُلْ يَٰٓأَهْلَ ٱلْكِتَٰبِ لِمَ تَصُدُّونَ عَن
سَبِيلِ ٱللَّهِ مَنْ ءَامَنَ تَبْغُونَهَا عِوَجًا وَأَنتُمْ شُهَدَآءُ ۗ وَمَا ٱللَّهُ
بِغَٰفِلٍ عَمَّا تَعْمَلُونَ ﴿99﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِن تُطِيعُوا۟
فَرِيقًا مِّنَ ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْكِتَٰبَ يَرُدُّوكُم بَعْدَ إِيمَٰنِكُمْ كَٰفِرِينَ ﴿100﴾

92. M'intomx se tiksbu t-tjieba qabel ma tonfqu *(għall-karità)* minn dak li thobbu. U kull ħaġa li tonfqu, Alla tabilħaqq jaf biha.

93. L-ikel kollu kien jiswa għal Ulied Israel, ħlief dak li Israel *(Ġakobb)* għamlu ma jiswiex għalih innifsu, *(u dan)* qabel ma tniżżlet it-*Torā (il-liġi ta' Mosè)*. Għid*(ilhom, Muħammad)*: "Ġibu t-*Torā* u aqrawha, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa."

94. Min, wara dan, jaqla' l-gideb fuq Alla, dawk ikunu l-ħżiena.

95. Għid *(Muħammad)*: "Alla jgħid is-sewwa. Għalhekk imxu wara r-reliġjon ta' Abraham, bniedem ta' twemmin safi *(li huwa l-Islam)*. Huwa ma kienx minn dawk li jxierku allat oħra ma' Alla."

96. Tabilħaqq li l-ewwel dar imqiegħda għan-nies *(biex iqimu lil Alla Wieħed)* hija dik f'Bakka *(jiġifieri Mekka, imkien)* imbierek u tmexxija tajba għall-ġnus kollha.

97. Fiha hemm sinjali ċari, *(fosthom)* l-imkien fejn waqaf Abraham *(biex iqiegħed sisien id-dar)*. Min jidħol fiha jkun qawwi u sħiħ. Il-*ħaġġ* lejn id-dar huwa dmir il-bnedmin lejn Alla, għal *(kull)* min jista' jsib triq lejha. U min ma jemminx, tabilħaqq li Alla ma jeħtieġ lil ħadd fil-ħolqien.

98. Għid *(Muħammad)*: "Ja Nies il-Ktieb, għaliex tiċħdu s-sinjali ta' Alla, meta Alla *(nnifsu)* jixhed għal dak li tagħmlu?"

99. Għid *(ukoll, Muħammad)*: "Ja Nies il-Ktieb, għaliex tfixklu mit-triq ta' Alla lil dawk li jemmnu, u tridu tgħawġuha *(bil-gideb tagħkom)*, meta *(intom stess)* tixhdu *(li kulma ġie bih Muħammad huwa s-sewwa)*? Alla ma jaqbiżlu xejn minn dak li tagħmlu."

100. Intom li temmnu, jekk tobdu minn ġemgħa minn dawk li ngħataw il-Ktieb, *(taraw li)* iġibukom ma temmnux, wara li sirtu temmnu.

وَكَيْفَ تَكْفُرُونَ وَأَنتُمْ تُتْلَىٰ عَلَيْكُمْ ءَايَٰتُ ٱللَّهِ وَفِيكُمْ
رَسُولُهُۥ ۗ وَمَن يَعْتَصِم بِٱللَّهِ فَقَدْ هُدِىَ إِلَىٰ صِرَٰطٍ مُّسْتَقِيمٍ ﴿101﴾
يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ حَقَّ تُقَاتِهِۦ وَلَا تَمُوتُنَّ إِلَّا وَأَنتُم
مُّسْلِمُونَ ﴿102﴾ وَٱعْتَصِمُوا۟ بِحَبْلِ ٱللَّهِ جَمِيعًا وَلَا تَفَرَّقُوا۟ ۚ
وَٱذْكُرُوا۟ نِعْمَتَ ٱللَّهِ عَلَيْكُمْ إِذْ كُنتُمْ أَعْدَآءً فَأَلَّفَ بَيْنَ قُلُوبِكُمْ
فَأَصْبَحْتُم بِنِعْمَتِهِۦٓ إِخْوَٰنًا وَكُنتُمْ عَلَىٰ شَفَا حُفْرَةٍ مِّنَ ٱلنَّارِ
فَأَنقَذَكُم مِّنْهَا ۗ كَذَٰلِكَ يُبَيِّنُ ٱللَّهُ لَكُمْ ءَايَٰتِهِۦ لَعَلَّكُمْ تَهْتَدُونَ
﴿103﴾ وَلْتَكُن مِّنكُمْ أُمَّةٌ يَدْعُونَ إِلَى ٱلْخَيْرِ وَيَأْمُرُونَ بِٱلْمَعْرُوفِ
وَيَنْهَوْنَ عَنِ ٱلْمُنكَرِ ۚ وَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْمُفْلِحُونَ ﴿104﴾ وَلَا
تَكُونُوا۟ كَٱلَّذِينَ تَفَرَّقُوا۟ وَٱخْتَلَفُوا۟ مِنۢ بَعْدِ مَا جَآءَهُمُ ٱلْبَيِّنَٰتُ ۚ
وَأُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمْ عَذَابٌ عَظِيمٌ ﴿105﴾ يَوْمَ تَبْيَضُّ وُجُوهٌ وَتَسْوَدُّ
وُجُوهٌ ۚ فَأَمَّا ٱلَّذِينَ ٱسْوَدَّتْ وُجُوهُهُمْ أَكَفَرْتُم بَعْدَ إِيمَٰنِكُمْ
فَذُوقُوا۟ ٱلْعَذَابَ بِمَا كُنتُمْ تَكْفُرُونَ ﴿106﴾ وَأَمَّا ٱلَّذِينَ ٱبْيَضَّتْ
وُجُوهُهُمْ فَفِى رَحْمَةِ ٱللَّهِ هُمْ فِيهَا خَٰلِدُونَ ﴿107﴾ تِلْكَ ءَايَٰتُ
ٱللَّهِ نَتْلُوهَا عَلَيْكَ بِٱلْحَقِّ ۗ وَمَا ٱللَّهُ يُرِيدُ ظُلْمًا لِّلْعَٰلَمِينَ ﴿108﴾

101. U kif tiċħdu t-twemmin meta qegħdin jinqrawlkom il-versi ta' Alla, u fostkom hemm il-Mibgħut tiegħu? Min iżomm sħiħ f'Alla, ikun tmexxa fi triq dritta.

102. Intom li temmnu, ibżgħu minn Alla bil-biża' li jixraq lilu, u la tmutux jekk mhux Misilmin.[35]

103. U żommu sħiħ, ilkoll, mal-ħabel *(jiġifieri r-rabta)* ta' Alla u la tinfirdux. Ftakru fit-tjieba ta' Alla fuqkom: meta kontu għedewwa u ħabbeb qlubkom, u sirtu aħwa, bit-tjieba tiegħu, u *(meta)* kontu f'xifer ħofra tan-Nar *(li hu l-Infern)* u ħeliskom minnha *(bis-saħħa ta' l-Islam)*. Hekk Alla jurikom is-sinjali tiegħu biex forsi timxu fit-triq it-tajba.

104. Ħa jkun minnkom nazzjon li jsejjaħ għall-ġid, jamar it-tajjeb, u ma jħallix il-ħażen! Dawk huma r-rebbiħin *(li jsalvaw)*.

105. U la tkunux bħal dawk li nfirdu u ma qablux bejniethom wara li ġewhom is-sinjali ċ-ċari. Għal dawk hemm kastig mill-kbar,

106. fil-Jum *(tal-Ġudizzju)* meta jibjadu wċuħ u jiswiedu wċuħ. Dawk li wċuħhom jiswiedu *(se jingħad lilhom)*: "Jaqaw ċħadtu t-twemmin, wara li kontu emmintu? Mela duqu l-kastig talli m'emmintux!"

107. Iżda dawk li wċuħhom jibjadu, *(dawn ikunu)* fil-ħniena ta' Alla. Huma jgħammru fiha *(il-Ġenna)* għal dejjem.

108. Dawk huma l-versi ta' Alla. Aħna naqrawhomlok *(Muħammad)* bis-sewwa. Alla ma jridx inġustizzja lill-ħlejjaq *(tiegħu)*.

---

[35] Il-biża' ta' Alla tfisser li l-Mislem joqgħod, b'qalbu kollha, għall-kmandamenti ta' Alla l-Imbierek.

وَلِلَّهِ مَا فِي ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِي ٱلْأَرْضِ ۚ وَإِلَى ٱللَّهِ تُرْجَعُ ٱلْأُمُورُ
(109) كُنتُمْ خَيْرَ أُمَّةٍ أُخْرِجَتْ لِلنَّاسِ تَأْمُرُونَ بِٱلْمَعْرُوفِ
وَتَنْهَوْنَ عَنِ ٱلْمُنكَرِ وَتُؤْمِنُونَ بِٱللَّهِ ۗ وَلَوْ ءَامَنَ
أَهْلُ ٱلْكِتَٰبِ لَكَانَ خَيْرًا لَّهُم ۚ مِّنْهُمُ ٱلْمُؤْمِنُونَ
وَأَكْثَرُهُمُ ٱلْفَٰسِقُونَ (110) لَن يَضُرُّوكُمْ إِلَّآ أَذًى ۖ
وَإِن يُقَٰتِلُوكُمْ يُوَلُّوكُمُ ٱلْأَدْبَارَ ثُمَّ لَا يُنصَرُونَ (111) ضُرِبَتْ
عَلَيْهِمُ ٱلذِّلَّةُ أَيْنَ مَا ثُقِفُوٓا۟ إِلَّا بِحَبْلٍ مِّنَ ٱللَّهِ وَحَبْلٍ مِّنَ ٱلنَّاسِ
وَبَآءُو بِغَضَبٍ مِّنَ ٱللَّهِ وَضُرِبَتْ عَلَيْهِمُ ٱلْمَسْكَنَةُ ۚ ذَٰلِكَ
بِأَنَّهُمْ كَانُوا۟ يَكْفُرُونَ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ وَيَقْتُلُونَ ٱلْأَنۢبِيَآءَ بِغَيْرِ
حَقٍّ ۚ ذَٰلِكَ بِمَا عَصَوا۟ وَّكَانُوا۟ يَعْتَدُونَ (112) ۞ لَيْسُوا۟ سَوَآءً ۗ
مِّنْ أَهْلِ ٱلْكِتَٰبِ أُمَّةٌ قَآئِمَةٌ يَتْلُونَ ءَايَٰتِ ٱللَّهِ ءَانَآءَ ٱلَّيْلِ
وَهُمْ يَسْجُدُونَ (113) يُؤْمِنُونَ بِٱللَّهِ وَٱلْيَوْمِ ٱلْءَاخِرِ
وَيَأْمُرُونَ بِٱلْمَعْرُوفِ وَيَنْهَوْنَ عَنِ ٱلْمُنكَرِ وَيُسَٰرِعُونَ
فِي ٱلْخَيْرَٰتِ ۖ وَأُو۟لَٰٓئِكَ مِنَ ٱلصَّٰلِحِينَ (114) وَمَا يَفْعَلُوا۟
مِنْ خَيْرٍ فَلَن يُكْفَرُوهُ ۗ وَٱللَّهُ عَلِيمٌۢ بِٱلْمُتَّقِينَ (115)

ربع الحزب 7

109. Ta' Alla huwa kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art, u l-kwistjonijiet kollha jitreġġgħu lura għand Alla *(għad-deċiżjoni tiegħu)*.

110. Intom *(li temmnu)* l-aħjar nazzjon li nħareġ għan-nies, *(għaliex)* tamru t-tajjeb u ma tħallux il-ħażin, u temmnu f'Alla. Li kieku Nies il-Ktieb jemmnu, ikun aħjar għalihom. *(Hemm)* minnhom li jemmnu, *(iżda)* l-aktar fosthom huma l-ħżiena.

111. Ma jagħmlulkomx ħsara, għajr għal xi weġgħa żgħira *(bi lsienhom il-ħażin)*. U meta jitqatlu kontrikom, *(arawhom)* jagħtukom daharhom *(maħrubin)*, imbagħad ma jkollhomx min jgħinhom.

112. *(Dawn)* jaqa' fuqhom it-tkasbir kull fejn jinstabu, ħlief *(jekk iżommu)* ma' ħabel minn Alla *(u joqogħdu għalih)*, u ma' ħabel tan-nies *(li jagħmlu t-tajjeb u jwarrbu mill-ħażen)*. Huma jiġbdu fuqhom għadab minn Alla, u fuqhom jaqa' l-għaks. Dan għaliex kienu jiċħdu s-sinjali ta' Alla u kienu joqtlu l-Profeti mingħajr ħaqq. Dan *(jiġrilhom)* talli m'obdewx *(lil Alla)* u kienu jagħmlu l-ħażen.

113. *(Nies il-Ktieb)* ma humiex *(ilkoll)* l-istess: fost Nies il-Ktieb hemm ġemgħa dritta, li taqra l-versi ta' Alla fil-ħinijiet tal-lejl, mixħuta fl-art *(bil-qima)*.

114. Huma jemmnu f'Alla u fl-Aħħar Jum, jamru t-tajjeb u ma jħallux il-ħażin, u jgħaġġlu lejn l-għemejjel ta' ġid. Dawk huma fost it-tajbin.

115. Il-ġid li jagħmlu ma jiċċaħħdux minnu. Alla jaf tajjeb b'dawk li jibżgħu *(minnu)*.

إِنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لَن تُغْنِىَ عَنْهُمْ أَمْوَٰلُهُمْ وَلَآ أَوْلَٰدُهُم
مِّنَ ٱللَّهِ شَيْـًٔا ۖ وَأُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلنَّارِ ۖ هُمْ فِيهَا خَٰلِدُونَ ﴿116﴾
مَثَلُ مَا يُنفِقُونَ فِى هَٰذِهِ ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا كَمَثَلِ رِيحٍ فِيهَا
صِرٌّ أَصَابَتْ حَرْثَ قَوْمٍ ظَلَمُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ فَأَهْلَكَتْهُ ۚ وَمَا
ظَلَمَهُمُ ٱللَّهُ وَلَٰكِنْ أَنفُسَهُمْ يَظْلِمُونَ ﴿117﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ لَا تَتَّخِذُوا۟ بِطَانَةً مِّن دُونِكُمْ لَا يَأْلُونَكُمْ خَبَالًا
وَدُّوا۟ مَا عَنِتُّمْ ۖ قَدْ بَدَتِ ٱلْبَغْضَآءُ مِنْ أَفْوَٰهِهِمْ وَمَا تُخْفِى
صُدُورُهُمْ أَكْبَرُ ۚ قَدْ بَيَّنَّا لَكُمُ ٱلْـَٔايَٰتِ ۖ إِن كُنتُمْ تَعْقِلُونَ ﴿118﴾
هَٰٓأَنتُمْ أُو۟لَآءِ تُحِبُّونَهُمْ وَلَا يُحِبُّونَكُمْ وَتُؤْمِنُونَ بِٱلْكِتَٰبِ كُلِّهِۦ ۖ
وَإِذَا لَقُوكُمْ قَالُوٓا۟ ءَامَنَّا وَإِذَا خَلَوْا۟ عَضُّوا۟ عَلَيْكُمُ ٱلْأَنَامِلَ
مِنَ ٱلْغَيْظِ ۚ قُلْ مُوتُوا۟ بِغَيْظِكُمْ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ عَلِيمٌۢ بِذَاتِ ٱلصُّدُورِ ﴿119﴾
إِن تَمْسَسْكُمْ حَسَنَةٌ تَسُؤْهُمْ وَإِن تُصِبْكُمْ سَيِّئَةٌ يَفْرَحُوا۟
بِهَا ۖ وَإِن تَصْبِرُوا۟ وَتَتَّقُوا۟ لَا يَضُرُّكُمْ كَيْدُهُمْ شَيْـًٔا ۗ
إِنَّ ٱللَّهَ بِمَا يَعْمَلُونَ مُحِيطٌ ﴿120﴾ وَإِذْ غَدَوْتَ مِنْ أَهْلِكَ
تُبَوِّئُ ٱلْمُؤْمِنِينَ مَقَٰعِدَ لِلْقِتَالِ ۗ وَٱللَّهُ سَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿121﴾

116. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux xejn ma jiswielhom ġidhom, u lanqas uliedhom, *(biex iħarsuhom)* minn Alla *(u mill-kastig tiegħu)*. Dawk huma sħab in-Nar, u fih huma *(jgħammru)* għal dejjem.

117. Dak li jonfqu f'din il-ħajja *(ħawn)* fid-dinja jixbah lil riħ kiesaħ li jaħraq uċuħ ir-raba' ta' nies li naqsu lejhom infushom *(bi dnubiethom)* u jeqridhom. Mhux Alla li naqas lejhom, iżda huma naqsu lejhom infushom.

118. Intom li temmnu, la tiħdux bi ħbieb tal-qalb lil xi nies li ma humiex minnkom; *(dawk ta' wiċċ b'ieħor)* ma jonqsux li jħassrukom. Huma jixtiequ t-telfien tagħkom. Il-mibegħda *(tagħhom lejkom)* dehret minn ħalqhom, u dak li jaħbu qlubhom huwa akbar *(u agħar)*. Aħna wrejniekom biċ-ċar is-sinjali *(tagħna)*, li kontu tifhmu!

119. Hawn intom, tħobbuhom *(u tixtiqulhom il-ġid)*, u huma ma jħobbukomx, għalkemm temmnu fil-Ktieb kollu *(fit-Torā u fl-Evanġelju, u fil-Kotba mqaddsa kollha)*. Meta jiltaqgħu magħkom jgħidu*(lkom)*: "Nemmnu," iżda meta jkunu waħidhom, *(arahom)* igiddmu truf subgħajhom minħabba fl-għadab kbir *(tagħhom)* għalikom. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Mutu fl-għadab tagħkom! Alla tabilħaqq jaf b'kulma hemm fil-qlub."

120. Jekk imisskom xi ġid, *(arahom ta' wiċċ b'ieħor)* jitnikktu, u jekk isibkom xi deni, *(malajr)* jifirħu bih. Iżda jekk tistabru u tibżgħu minn Alla, il-qerq tagħhom xejn ma jkun ta' ħsara għalikom. Tabilħaqq li Alla jaf sewwa u għandu taħt idejh dak li jagħmlu.

121. *(Ftakar Muħammad)* meta għodu għodu ħallejt lil niesek biex tqassam lil dawk li emmnu fl-imkejjen tat-taqbid *(fil-battalja ta' 'Uħud)*, u Alla jisma' kollox u jaf kollox.

إِذْ هَمَّت طَّآئِفَتَانِ مِنكُمْ أَن تَفْشَلَا وَٱللَّهُ وَلِيُّهُمَا ۗ وَعَلَى
ٱللَّهِ فَلْيَتَوَكَّلِ ٱلْمُؤْمِنُونَ ﴿122﴾ وَلَقَدْ نَصَرَكُمُ ٱللَّهُ بِبَدْرٍ وَأَنتُمْ
أَذِلَّةٌ ۖ فَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ لَعَلَّكُمْ تَشْكُرُونَ ﴿123﴾ إِذْ تَقُولُ لِلْمُؤْمِنِينَ
أَلَن يَكْفِيَكُمْ أَن يُمِدَّكُمْ رَبُّكُم بِثَلَٰثَةِ ءَالَٰفٍ مِّنَ ٱلْمَلَٰٓئِكَةِ
مُنزَلِينَ ﴿124﴾ بَلَىٰٓ ۚ إِن تَصْبِرُوا۟ وَتَتَّقُوا۟ وَيَأْتُوكُم مِّن فَوْرِهِمْ
هَٰذَا يُمْدِدْكُمْ رَبُّكُم بِخَمْسَةِ ءَالَٰفٍ مِّنَ ٱلْمَلَٰٓئِكَةِ مُسَوِّمِينَ
﴿125﴾ وَمَا جَعَلَهُ ٱللَّهُ إِلَّا بُشْرَىٰ لَكُمْ وَلِتَطْمَئِنَّ قُلُوبُكُم بِهِۦ ۗ وَمَا
ٱلنَّصْرُ إِلَّا مِنْ عِندِ ٱللَّهِ ٱلْعَزِيزِ ٱلْحَكِيمِ ﴿126﴾ لِيَقْطَعَ طَرَفًا
مِّنَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟ أَوْ يَكْبِتَهُمْ فَيَنقَلِبُوا۟ خَآئِبِينَ ﴿127﴾ لَيْسَ لَكَ
مِنَ ٱلْأَمْرِ شَىْءٌ أَوْ يَتُوبَ عَلَيْهِمْ أَوْ يُعَذِّبَهُمْ فَإِنَّهُمْ ظَٰلِمُونَ
﴿128﴾ وَلِلَّهِ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِى ٱلْأَرْضِ ۚ يَغْفِرُ لِمَن يَشَآءُ
وَيُعَذِّبُ مَن يَشَآءُ ۚ وَٱللَّهُ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿129﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ لَا تَأْكُلُوا۟ ٱلرِّبَوٰٓا۟ أَضْعَٰفًا مُّضَٰعَفَةً ۖ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ
لَعَلَّكُمْ تُفْلِحُونَ ﴿130﴾ وَٱتَّقُوا۟ ٱلنَّارَ ٱلَّتِىٓ أُعِدَّتْ لِلْكَٰفِرِينَ
﴿131﴾ وَأَطِيعُوا۟ ٱللَّهَ وَٱلرَّسُولَ لَعَلَّكُمْ تُرْحَمُونَ ﴿132﴾

122. Meta żewġ ġemgħat minnkom kienu għoddhom qatgħu jieshom *(u riedu jirtiraw mit-taqbida)*. Iżda Alla kien iħarishom *(u jqawwilhom qlubhom, hekk li ma baqgħux imbeżżgħin)*. F'idejn Alla għandhom iħallu dawk li jemmnu.

123. Alla kien diġà takom ir-rebħa *(fit-taqbida)* f'Badr meta kontu *(qawwa)* dgħajfa. Mela ibżgħu minn Alla biex forsi tiżżu ħajr.

124. *(U ftakar, Muħammad)* meta għedt lil dawk li emmnu: "Mela ma huwiex biżżejjed għalikom li Sidkom isaħħaħkom bi tlett elef anġlu mniżżlin *(għalikom)*?"

125. Mela! Jekk toqogħdu b'sabarkom u titħarsu mill-ħażen, anki jekk *(l-għedewwa)* jiġu *(jaħbtu għalikom)* għal għarrieda *(issa stess)*, il-Mulej tagħkom isaħħaħkom b'ħamest elef anġlu b'sinjal *(li bih jingħarfu minn ħaddieħor)*.

126. *(L-għajnuna bl-anġli)* Alla ma għamilhiex jekk mhux bħala bxara tajba għalikom, u biex qlubkom isibu s-serħan biha. Ma hemmx rebħa ħlief mingħand Alla, il-Qawwi, l-Għaref,

127. biex jeqred uħud minn dawk li ma jemmnux, jew *(inkella)* ikasbarhom *(bit-telfien)* u jmorru lura b'qalbhom maqtugħa tellifin *(mingħajr ma jilħqu l-għan tagħhom)*.

128. *(Muħammad, din)* xejn ma hija ħaġa tiegħek *(iżda ta' Alla biss, jiġifieri)* jekk idurx lejhom bil-maħfra *(jekk jemmnu)*, jew jikkastigahomx *(jekk jibqgħu jwebbsu rashom)*, għaliex huma tabilhaqq ħżiena.

129. Ta' Alla huwa dak li jinsab fis-smewwiet u fl-art. Huwa jaħfer lil min irid u jikkastiga lil min irid. Alla huwa Kollu Maħfra, il-Ħanin.

130. Intom li temmnu, la tiklux l-imgħax *(u teħduh)* id-doppju tad-doppju. U ibżgħu minn Alla, biex forsi tkunu rebbiħin *(u ssalvaw)*.

131. Ibżgħu min-Nar li thejja għal dawk li ma jemmnux.

132. U obdu lil Alla u lill-Mibgħut *(tiegħu)*, biex forsi tiksbu l-ħniena.

نصف الحزب 7

۞ وَسَارِعُوٓا۟ إِلَىٰ مَغْفِرَةٍ مِّن رَّبِّكُمْ وَجَنَّةٍ عَرْضُهَا
ٱلسَّمَٰوَٰتُ وَٱلْأَرْضُ أُعِدَّتْ لِلْمُتَّقِينَ ﴿133﴾ ٱلَّذِينَ يُنفِقُونَ
فِى ٱلسَّرَّآءِ وَٱلضَّرَّآءِ وَٱلْكَٰظِمِينَ ٱلْغَيْظَ وَٱلْعَافِينَ
عَنِ ٱلنَّاسِ ۗ وَٱللَّهُ يُحِبُّ ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿134﴾ وَٱلَّذِينَ إِذَا
فَعَلُوا۟ فَٰحِشَةً أَوْ ظَلَمُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ ذَكَرُوا۟ ٱللَّهَ فَٱسْتَغْفَرُوا۟
لِذُنُوبِهِمْ وَمَن يَغْفِرُ ٱلذُّنُوبَ إِلَّا ٱللَّهُ وَلَمْ يُصِرُّوا۟ عَلَىٰ
مَا فَعَلُوا۟ وَهُمْ يَعْلَمُونَ ﴿135﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ جَزَآؤُهُم مَّغْفِرَةٌ
مِّن رَّبِّهِمْ وَجَنَّٰتٌ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ خَٰلِدِينَ
فِيهَا ۚ وَنِعْمَ أَجْرُ ٱلْعَٰمِلِينَ ﴿136﴾ قَدْ خَلَتْ مِن قَبْلِكُمْ سُنَنٌ
فَسِيرُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ فَٱنظُرُوا۟ كَيْفَ كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلْمُكَذِّبِينَ
﴿137﴾ هَٰذَا بَيَانٌ لِّلنَّاسِ وَهُدًى وَمَوْعِظَةٌ لِّلْمُتَّقِينَ ﴿138﴾
وَلَا تَهِنُوا۟ وَلَا تَحْزَنُوا۟ وَأَنتُمُ ٱلْأَعْلَوْنَ إِن كُنتُم مُّؤْمِنِينَ
﴿139﴾ إِن يَمْسَسْكُمْ قَرْحٌ فَقَدْ مَسَّ ٱلْقَوْمَ قَرْحٌ مِّثْلُهُۥ ۚ
وَتِلْكَ ٱلْأَيَّامُ نُدَاوِلُهَا بَيْنَ ٱلنَّاسِ وَلِيَعْلَمَ ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ وَيَتَّخِذَ مِنكُمْ شُهَدَآءَ ۗ وَٱللَّهُ لَا يُحِبُّ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿140﴾

133. Għaġġlu lejn maħfra minn Sidkom u *(lejn)* Ġenna li l-wisa' tagħha huwa *(daqs)* is-smewwiet u l-art, li tħejjiet għal dawk li jibżgħu minn Alla *(u jobduh)*,

134. li jonfqu *(mill-ġid li tahom Alla)*, fil-hena u fil-hemm, li jrażżnu l-għadab *(tagħhom)*, u li jagħdru lin-nies. Alla jħobb lil dawk li jagħmlu t-tajjeb.

135. *(Il-Ġenna tħejjiet ukoll għal)* dawk li meta jagħmlu għemejjel faħxija, jew jonqsu lejhom infushom, jiftakru f'Alla u jitolbu maħfra għal dnubiethom. U min jaħfer id-dnubiet jekk mhux Alla? Huma ma jwebbsux rashom f'dak *(il-ħażen)* li għamlu, meta huma jafu *(li Alla jaħfer id-dnubiet)*.

136. Dawk ħlashom huwa maħfra minn Sidhom u Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom jgħammru għal dejjem. Tassew sabiħ il-ħlas għal dawk li jagħmlu *(għemejjel tajba)*!

137. Għaddew qabilkom *(bosta)* liġijiet u regoli ta' Alla. Terrqu fl-art u araw kif kien tmiem dawk li giddbu *(it-twemmin)*.

138. Dan *(kollu huwa)* tifsira lin-nies, tmexxija tajba u twissija lil dawk li jibżgħu minn Alla *(u jobduh)*.

139. La tiddgħajfux u lanqas titnikktu *(minħabba t-telfa fit-taqbida ta' 'Uħud)*; intom *(tkunu)* l-ogħla *(fuq l-għedewwa tagħkom)*, jekk tassew temmnu.

140. Jekk messitkom xi ġerħa *(waqt it-taqbida ta' 'Uħud, kunu afu li)* messet *(ukoll)* ġerħa bħalha lil dawk in-nies *(pagani, bħalma ġara qabel fit-taqbida ta' Badr)*. Dawn il-jiem *(fit-tajjeb u fil-ħażin)* indawruhom bejn in-nies *(kollha)* biex Alla jkun jaf b'dawk li jemmnu *(għaliex jistabru fit-tiġrib)*, u jieħu minn fostkom martri *(li jixhdu għas-sewwa)*. Alla ma jħobbx lill-ħżiena.

وَلِيُمَحِّصَ ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَيَمْحَقَ ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿141﴾ أَمْ
حَسِبْتُمْ أَن تَدْخُلُوا۟ ٱلْجَنَّةَ وَلَمَّا يَعْلَمِ ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ جَٰهَدُوا۟
مِنكُمْ وَيَعْلَمَ ٱلصَّٰبِرِينَ ﴿142﴾ وَلَقَدْ كُنتُمْ تَمَنَّوْنَ ٱلْمَوْتَ مِن
قَبْلِ أَن تَلْقَوْهُ فَقَدْ رَأَيْتُمُوهُ وَأَنتُمْ تَنظُرُونَ ﴿143﴾ وَمَا مُحَمَّدٌ
إِلَّا رَسُولٌ قَدْ خَلَتْ مِن قَبْلِهِ ٱلرُّسُلُ ۚ أَفَإِي۟ن مَّاتَ أَوْ قُتِلَ
ٱنقَلَبْتُمْ عَلَىٰٓ أَعْقَٰبِكُمْ ۚ وَمَن يَنقَلِبْ عَلَىٰ عَقِبَيْهِ فَلَن يَضُرَّ
ٱللَّهَ شَيْـًٔا ۗ وَسَيَجْزِى ٱللَّهُ ٱلشَّٰكِرِينَ ﴿144﴾ وَمَا كَانَ
لِنَفْسٍ أَن تَمُوتَ إِلَّا بِإِذْنِ ٱللَّهِ كِتَٰبًا مُّؤَجَّلًا ۗ وَمَن يُرِدْ
ثَوَابَ ٱلدُّنْيَا نُؤْتِهِۦ مِنْهَا وَمَن يُرِدْ ثَوَابَ ٱلْءَاخِرَةِ نُؤْتِهِۦ
مِنْهَا ۚ وَسَنَجْزِى ٱلشَّٰكِرِينَ ﴿145﴾ وَكَأَيِّن مِّن نَّبِىٍّ قَٰتَلَ مَعَهُۥ
رِبِّيُّونَ كَثِيرٌ فَمَا وَهَنُوا۟ لِمَآ أَصَابَهُمْ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ وَمَا ضَعُفُوا۟
وَمَا ٱسْتَكَانُوا۟ ۗ وَٱللَّهُ يُحِبُّ ٱلصَّٰبِرِينَ ﴿146﴾ وَمَا كَانَ قَوْلَهُمْ
إِلَّآ أَن قَالُوا۟ رَبَّنَا ٱغْفِرْ لَنَا ذُنُوبَنَا وَإِسْرَافَنَا فِىٓ أَمْرِنَا وَثَبِّتْ
أَقْدَامَنَا وَٱنصُرْنَا عَلَى ٱلْقَوْمِ ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿147﴾ فَـَٔاتَىٰهُمُ ٱللَّهُ
ثَوَابَ ٱلدُّنْيَا وَحُسْنَ ثَوَابِ ٱلْءَاخِرَةِ ۗ وَٱللَّهُ يُحِبُّ ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿148﴾

141. *(Mhux biss, iżda dan isir)* biex Alla jġarrab u jsaffi lil dawk li emmnu, u jxejjen lil dawk li ma jemmnux.

142. Jaqaw ħsibtu li tidħlu l-Ġenna mingħajr ma Alla *(jġarrabkom u)* ikun jaf b'dawk minnkom li tqatlu għall-kawża tiegħu u b'dawk li kienu sħaħ fis-sabar?

143. Kontu tassew tixtiequ l-mewt qabel ma ltqajtu magħha *(fit-taqbid)*. Issa rajtuha b'għajnejkom stess!

144. Muħammad ma huwiex ħlief Mibgħut; *(ħafna)* Mibgħutin *(oħra)* għaddew qablu. Issa jekk imut jew jinqatel *(x'se tagħmlu)*; terġgħu għalli kontu? Min jerġa' lura *(għat-twemmin pagan tiegħu)*, xejn ma huwa se jagħmel ħsara lil Alla. Alla se jħallas lil dawk li jiżżu ħajr.

145. Ebda ruħ ma tmut jekk mhux bir-rieda ta' Alla, fiż-żmien miktub *(għaliha)*. Min irid il-ħlas ta' *(din)* id-dinja, nagħtuhulu mill-ħlas tagħha, u min irid il-ħlas ta' l-Oħra *(tad-dinja l-Oħra)*, nagħtuhulu mill-ħlas tagħha. Aħna se nħallsu lil dawk li jiżżu ħajr.

146. Kemm-il Profeta tqabad *(għal Alla)* u *(tqabdu)* miegħu għadd kbir min-nies ta' Alla! Huma ma qatgħux qalbhom minħabba dak li għaddew minnu għal Alla, ma kinux dgħajfa *(kontra l-għadu)*, u lanqas ċedew. Alla jħobb lil dawk sħaħ fis-sabar.

147. Kliemhom ma kienx għajr: "Mulej tagħna, aħfrilna dnubietna u kull nuqqas tagħna lejn dmirna *(meta morna kontra r-rieda tiegħek)*, wettaq riġlejna *(fit-taqbid)*, u oħroġna rebbiħin fuq dawk li ma jemmnux."

148. U Alla tahom il-ħlas ta' *(din)* id-dinja u l-aħjar ħlas ta' l-Oħra *(tad-dinja l-Oħra)*. Alla jħobb lil dawk li jagħmlu t-tajjeb.

يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِن تُطِيعُوا۟ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟
يَرُدُّوكُمْ عَلَىٰٓ أَعْقَٰبِكُمْ فَتَنقَلِبُوا۟ خَٰسِرِينَ ﴿149﴾
بَلِ ٱللَّهُ مَوْلَىٰكُمْ ۖ وَهُوَ خَيْرُ ٱلنَّٰصِرِينَ ﴿150﴾ سَنُلْقِى
فِى قُلُوبِ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ ٱلرُّعْبَ بِمَآ أَشْرَكُوا۟ بِٱللَّهِ
مَا لَمْ يُنَزِّلْ بِهِۦ سُلْطَٰنًا ۖ وَمَأْوَىٰهُمُ ٱلنَّارُ ۚ وَبِئْسَ
مَثْوَى ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿151﴾ وَلَقَدْ صَدَقَكُمُ ٱللَّهُ
وَعْدَهُۥٓ إِذْ تَحُسُّونَهُم بِإِذْنِهِۦ ۖ حَتَّىٰٓ إِذَا فَشِلْتُمْ
وَتَنَٰزَعْتُمْ فِى ٱلْأَمْرِ وَعَصَيْتُم مِّنۢ بَعْدِ مَآ أَرَىٰكُم
مَّا تُحِبُّونَ ۚ مِنكُم مَّن يُرِيدُ ٱلدُّنْيَا وَمِنكُم
مَّن يُرِيدُ ٱلْءَاخِرَةَ ۚ ثُمَّ صَرَفَكُمْ عَنْهُمْ لِيَبْتَلِيَكُمْ ۖ
وَلَقَدْ عَفَا عَنكُمْ ۗ وَٱللَّهُ ذُو فَضْلٍ عَلَى ٱلْمُؤْمِنِينَ
﴿152﴾ ۞ إِذْ تُصْعِدُونَ وَلَا تَلْوُۥنَ عَلَىٰٓ أَحَدٍ
وَٱلرَّسُولُ يَدْعُوكُمْ فِىٓ أُخْرَىٰكُمْ فَأَثَٰبَكُمْ
غَمًّۢا بِغَمٍّ لِّكَيْلَا تَحْزَنُوا۟ عَلَىٰ مَا فَاتَكُمْ
وَلَا مَآ أَصَٰبَكُمْ ۗ وَٱللَّهُ خَبِيرٌۢ بِمَا تَعْمَلُونَ ﴿153﴾

ثلاثة أرباع الحزب 7

149. Intom li temmnu, jekk toqogħdu għal dawk li ma jemmnux, huma jroddukom għalli kontu qabel *(pagani)*, u terġgħu lura telliefa.

150. Iżda Alla huwa l-Mulej tagħkom *(jekk toqogħdu għalih)*, u Huwa l-Aħjar fost dawk li jgħinu.

151. Se nitfgħu l-biża' fi qlub dawk li ma jemmnux, talli xierku allat ma' Alla mingħajr ma Huwa niżżel ebda prova *(dwar dan l-għemil pagan)*. In-Nar ikun il-kenn tagħhom, u ta' għajb l-għamara tal-ħżiena.

152. Alla żamm kelmtu magħkom meta, bir-rieda tiegħu, kontu qegħdin teqirduhom *(lill-għedewwa tagħkom)*, sa dak il-ħin li naqsitkom il-ħila, tlewwimtu dwar l-amar *(li ngħatalkom)*, u m'obdejtux *(l-amar tal-Profeta)*, wara li wriekom dak li tħobbu *(ir-rebħ fit-taqbida)*. Hemm minnkom li jrid *(din)* id-dinja *(bil-priża tal-gwerra li ġġib magħha)*, u hemm min irid *(il-ħajja)* l-Oħra *(bil-ħlas tal-Ġenna)*. Imbagħad huwa firidkom minnhom *(tellifin)* biex iġarrabkom. *(Iżda issa)* Huwa ħafrilkom. Alla Kollu Tjieba ma' dawk li jemmnu.

153. *(Ftakru)* meta tlajtu *(fuq l-għolja, maħrubin)* bla ma dortu *(biex tħarsu)* lejn ħadd, u l-Mibgħut *(Muħammad)* kien warajkom, jgħajtilkom *(biex terġgħu lura)*. Għalhekk *(Alla)* ħallaskom b'diqa fuq diqa *(tat-telfa, minħabba x-xniegħa dwar il-qtil tal-Profeta)* biex *(jgħallimkom)* ma titnikktux minħabba *(il-priża tal-gwerra)* li tliftu u minħabba *(it-telfa)* li ġarrabtu. Alla jaf sew b'dak li tagħmlu.

ثُمَّ أَنزَلَ عَلَيْكُم مِّنۢ بَعْدِ ٱلْغَمِّ أَمَنَةً نُّعَاسًا يَغْشَىٰ طَآئِفَةً
مِّنكُمْ ۖ وَطَآئِفَةٌ قَدْ أَهَمَّتْهُمْ أَنفُسُهُمْ يَظُنُّونَ بِٱللَّهِ غَيْرَ
ٱلْحَقِّ ظَنَّ ٱلْجَٰهِلِيَّةِ ۖ يَقُولُونَ هَل لَّنَا مِنَ ٱلْأَمْرِ مِن شَىْءٍ ۗ
قُلْ إِنَّ ٱلْأَمْرَ كُلَّهُۥ لِلَّهِ ۗ يُخْفُونَ فِىٓ أَنفُسِهِم مَّا لَا يُبْدُونَ لَكَ ۖ
يَقُولُونَ لَوْ كَانَ لَنَا مِنَ ٱلْأَمْرِ شَىْءٌ مَّا قُتِلْنَا هَٰهُنَا ۗ قُل لَّوْ كُنتُمْ
فِى بُيُوتِكُمْ لَبَرَزَ ٱلَّذِينَ كُتِبَ عَلَيْهِمُ ٱلْقَتْلُ إِلَىٰ مَضَاجِعِهِمْ ۖ
وَلِيَبْتَلِىَ ٱللَّهُ مَا فِى صُدُورِكُمْ وَلِيُمَحِّصَ مَا فِى قُلُوبِكُمْ ۗ
وَٱللَّهُ عَلِيمٌۢ بِذَاتِ ٱلصُّدُورِ ﴿154﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ تَوَلَّوْا۟ مِنكُمْ
يَوْمَ ٱلْتَقَى ٱلْجَمْعَانِ إِنَّمَا ٱسْتَزَلَّهُمُ ٱلشَّيْطَٰنُ بِبَعْضِ مَا
كَسَبُوا۟ ۖ وَلَقَدْ عَفَا ٱللَّهُ عَنْهُمْ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ حَلِيمٌ ﴿155﴾ يَٰٓأَيُّهَا
ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَا تَكُونُوا۟ كَٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ وَقَالُوا۟ لِإِخْوَٰنِهِمْ إِذَا
ضَرَبُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ أَوْ كَانُوا۟ غُزًّى لَّوْ كَانُوا۟ عِندَنَا مَا مَاتُوا۟ وَمَا
قُتِلُوا۟ لِيَجْعَلَ ٱللَّهُ ذَٰلِكَ حَسْرَةً فِى قُلُوبِهِمْ ۗ وَٱللَّهُ يُحْىِۦ وَيُمِيتُ ۗ
وَٱللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ بَصِيرٌ ﴿156﴾ وَلَئِن قُتِلْتُمْ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ
أَوْ مُتُّمْ لَمَغْفِرَةٌ مِّنَ ٱللَّهِ وَرَحْمَةٌ خَيْرٌ مِّمَّا يَجْمَعُونَ ﴿157﴾

154. Imbagħad wara d-diqa *(Alla)* niżżel fuqkom sliem u nagħsa li ħakmet ġemgħa minnkom. Ġemgħa *(oħra, minn ta' wiċċ b'ieħor)* kienet mikduda biha nnifisha, u qagħdet taħseb fuq Alla dak li ma huwiex sewwa – ħsieb *(ġej)* mill-injuranza. Huma qalu: "Aħna għandna xi sehem f'din il-ħaġa?" Għid*(ilhom Muħammad)*: "Din hija ħaġa kollha kemm hi ta' Alla!" Huma jaħbu fihom infushom dak li ma jurukx. Huma jgħidu: "Li kieku kien minna, ma konniex ninqatlu hawn." Għid*(ilhom)*: "*(Anki)* kieku kontu fi djarkom, dawk li l-qtil kien miktub għalihom kienu *(xorta waħda)* joħorġu lejn l-imkejjen tal-qtil tagħhom." *(It-telf fit-taqbida seħħ)* biex Alla jġarrab dak li hemm f'sidirkom, u jnaqqi dak li hemm fi qlubkom. Alla jaf b'kulma hemm fil-qlub.

155. Dawk minnkom li taw daharhom *(u ma tawx widen)* fil-jum meta ż-żewġ qtajja' *(tal-Misilimin u tal-pagani)* iltaqgħu, kien ix-Xitan li waqqagħhom minħabba xi *(ħażen)* li għamlu. *(Iżda issa)* Alla ħafrilhom. Tabilħaqq li Alla huwa Kollu Maħfra u Kollu Sabar mal-midinbin.

156. Intom li temmnu, la tkunux bħal dawk li ma jemmnux u li jgħidu dwar ħuthom, meta jterrqu fl-art jew jitqabdu: "Li kieku baqgħu magħna, ma kinux imutu u lanqas jinqatlu." Dan *(ikun)* biex Alla jġib niket fi qlubhom. Huwa Alla *(u ħadd ħliefu)* li jagħti l-ħajja u l-mewt. Alla jara sew dak li tagħmlu.

157. U jekk tinqatlu *(martri)* għal Alla, jew tmutu, tassew li maħfra u ħniena minn Alla huma aħjar minn dak li jiġmgħu *(u jgeddsu mill-ġid tad-dinja)*.

وَلَئِن مُّتُّمْ أَوْ قُتِلْتُمْ لَإِلَى ٱللَّهِ تُحْشَرُونَ ﴿158﴾ فَبِمَا رَحْمَةٍ مِّنَ
ٱللَّهِ لِنتَ لَهُمْ ۖ وَلَوْ كُنتَ فَظًّا غَلِيظَ ٱلْقَلْبِ لَٱنفَضُّوا۟ مِنْ حَوْلِكَ ۖ
فَٱعْفُ عَنْهُمْ وَٱسْتَغْفِرْ لَهُمْ وَشَاوِرْهُمْ فِى ٱلْأَمْرِ ۖ فَإِذَا عَزَمْتَ
فَتَوَكَّلْ عَلَى ٱللَّهِ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ يُحِبُّ ٱلْمُتَوَكِّلِينَ ﴿159﴾ إِن يَنصُرْكُمُ ٱللَّهُ
فَلَا غَالِبَ لَكُمْ ۖ وَإِن يَخْذُلْكُمْ فَمَن ذَا ٱلَّذِى يَنصُرُكُم مِّنۢ
بَعْدِهِۦ ۗ وَعَلَى ٱللَّهِ فَلْيَتَوَكَّلِ ٱلْمُؤْمِنُونَ ﴿160﴾ وَمَا كَانَ لِنَبِىٍّ أَن
يَغُلَّ ۚ وَمَن يَغْلُلْ يَأْتِ بِمَا غَلَّ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ ۚ ثُمَّ تُوَفَّىٰ كُلُّ
نَفْسٍ مَّا كَسَبَتْ وَهُمْ لَا يُظْلَمُونَ ﴿161﴾ أَفَمَنِ ٱتَّبَعَ رِضْوَٰنَ
ٱللَّهِ كَمَنۢ بَآءَ بِسَخَطٍ مِّنَ ٱللَّهِ وَمَأْوَىٰهُ جَهَنَّمُ ۚ وَبِئْسَ ٱلْمَصِيرُ
﴿162﴾ هُمْ دَرَجَٰتٌ عِندَ ٱللَّهِ ۗ وَٱللَّهُ بَصِيرٌۢ بِمَا يَعْمَلُونَ ﴿163﴾
لَقَدْ مَنَّ ٱللَّهُ عَلَى ٱلْمُؤْمِنِينَ إِذْ بَعَثَ فِيهِمْ رَسُولًا مِّنْ أَنفُسِهِمْ
يَتْلُوا۟ عَلَيْهِمْ ءَايَٰتِهِۦ وَيُزَكِّيهِمْ وَيُعَلِّمُهُمُ ٱلْكِتَٰبَ
وَٱلْحِكْمَةَ وَإِن كَانُوا۟ مِن قَبْلُ لَفِى ضَلَٰلٍ مُّبِينٍ ﴿164﴾
أَوَلَمَّآ أَصَٰبَتْكُم مُّصِيبَةٌ قَدْ أَصَبْتُم مِّثْلَيْهَا قُلْتُمْ أَنَّىٰ هَٰذَا ۖ
قُلْ هُوَ مِنْ عِندِ أَنفُسِكُمْ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿165﴾

158. U *(sew)* jekk tmutu *(mewta naturali)*, jew tinqatlu *(fit-taqbid)*, tabilħaqq lejn Alla tinġabru *(biex tieħdu ħlaskom)*.

159. Kien bil-ħniena minn Alla li *(inti, Muħammad)* imxejt bil-ħlewwa magħhom *(minkejja li dawn sħabek marru kontra l-amar tiegħek)*. Li kieku kont iebes *(u aħrax)* u qalbek kiefra *(magħhom)*, kienu jixterdu *(u jitilqu)* minn madwarek. Mela agħdirhom, itlob li jaqilgħu l-maħfra *(ta' Alla)*, u kkonsultahom dwar il-kwistjoni *(tat-tmexxija tal-komunità Misilma)*. Meta *(imbagħad)* tkun qtajt *(x'se tagħmel)*, ħalli f'idejn Alla. Alla jħobb lil dawk li jħallu f'idejh.

160. Jekk Alla jagħtikom ir-rebħa, mela ħadd ma jegħlibkom! Iżda jekk jitlaqkom, min hu dan li, warajh, jista' jrebbaħkom? F'idejn Alla għandhom iħallu dawk li jemmnu.

161. Profeta ma jieħu qatt mill-priża tal-gwerra bil-qerq! Min jieħu mill-priża tal-gwerra bil-qerq, arah ġej, f'Jum il-Qawmien, b'dak li ħa bil-qerq. Imbagħad kulħadd jitħallas ta' dak li kiseb, u ma ssirx inġustizzja magħhom.

162. Jaqaw dak li jfittex li jogħġob lil Alla huwa bħal dak li ġibed fuqu l-għadab ta' Alla, u l-kenn tiegħu fl-Infern? *(Dan ikun tassew)* tmiem ta' għajb.

163. Huma *(jinsabu)* fi gradi *(differenti)* quddiem Alla, u Alla jara kulma jagħmlu.

164. Alla wera tjieba ma' dawk li jemmnu meta bagħat għandhom Mibgħut minn fosthom li jaqralhom il-versi tiegħu, isaffihom *(minn dnubiethom u mill-għemejjel ħżiena tagħhom)*, u jgħallimhom il-Ktieb u l-għerf. *(Dan)* minkejja li qabel kienu f'telfien mill-aktar ċar.

165. Meta ġie fuqkom għawġ kbir *(fit-telfa ta' 'Uħud, minkejja li)* kontu ġibtu *(fuq il-pagani għawġ)* id-doppju tiegħu *(fit-telfa ta' Badr)*, intom għidtu: "Dan *(l-għawġ)* minn fejn *(inqala')*?" Għid*(ilhom, Muħammad)*: "Huwa *(ġej)* minnkom infuskom *(għaliex ma smajtux minn Alla u mill-Profeta)*. Alla tabilħaqq fuq kollox Setgħan."

وَمَآ أَصَـٰبَكُمْ يَوْمَ ٱلْتَقَى ٱلْجَمْعَانِ فَبِإِذْنِ ٱللَّهِ وَلِيَعْلَمَ ٱلْمُؤْمِنِينَ
(166) وَلِيَعْلَمَ ٱلَّذِينَ نَافَقُوا۟ ۚ وَقِيلَ لَهُمْ تَعَالَوْا۟ قَـٰتِلُوا۟ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ
أَوِ ٱدْفَعُوا۟ ۖ قَالُوا۟ لَوْ نَعْلَمُ قِتَالًا لَّا ٱتَّبَعْنَـٰكُمْ ۖ هُمْ لِلْكُفْرِ
يَوْمَئِذٍ أَقْرَبُ مِنْهُمْ لِلْإِيمَـٰنِ ۚ يَقُولُونَ بِأَفْوَٰهِهِم مَّا لَيْسَ
فِى قُلُوبِهِمْ ۗ وَٱللَّهُ أَعْلَمُ بِمَا يَكْتُمُونَ (167) ٱلَّذِينَ قَالُوا۟ لِإِخْوَٰنِهِمْ
وَقَعَدُوا۟ لَوْ أَطَاعُونَا مَا قُتِلُوا۟ ۗ قُلْ فَٱدْرَءُوا۟ عَنْ أَنفُسِكُمُ
ٱلْمَوْتَ إِن كُنتُمْ صَـٰدِقِينَ (168) وَلَا تَحْسَبَنَّ ٱلَّذِينَ قُتِلُوا۟ فِى
سَبِيلِ ٱللَّهِ أَمْوَٰتًا ۚ بَلْ أَحْيَآءٌ عِندَ رَبِّهِمْ يُرْزَقُونَ (169) فَرِحِينَ
بِمَآ ءَاتَىٰهُمُ ٱللَّهُ مِن فَضْلِهِۦ وَيَسْتَبْشِرُونَ بِٱلَّذِينَ لَمْ يَلْحَقُوا۟
بِهِم مِّنْ خَلْفِهِمْ أَلَّا خَوْفٌ عَلَيْهِمْ وَلَا هُمْ يَحْزَنُونَ (170)
۞ يَسْتَبْشِرُونَ بِنِعْمَةٍ مِّنَ ٱللَّهِ وَفَضْلٍ وَأَنَّ ٱللَّهَ لَا يُضِيعُ أَجْرَ
ٱلْمُؤْمِنِينَ (171) ٱلَّذِينَ ٱسْتَجَابُوا۟ لِلَّهِ وَٱلرَّسُولِ مِنۢ بَعْدِ مَآ
أَصَابَهُمُ ٱلْقَرْحُ ۚ لِلَّذِينَ أَحْسَنُوا۟ مِنْهُمْ وَٱتَّقَوْا۟ أَجْرٌ عَظِيمٌ (172)
ٱلَّذِينَ قَالَ لَهُمُ ٱلنَّاسُ إِنَّ ٱلنَّاسَ قَدْ جَمَعُوا۟ لَكُمْ فَٱخْشَوْهُمْ
فَزَادَهُمْ إِيمَـٰنًا وَقَالُوا۟ حَسْبُنَا ٱللَّهُ وَنِعْمَ ٱلْوَكِيلُ (173)

الحزب 8

166. Dak li għaddejtu minnu dakinhar li ż-żewġ qtajja' ltaqgħu *(fit-taqbida ta' 'Uħud)* seħħ bir-rieda ta' Alla, u biex ikun jaf *(min huma)* dawk li jemmnu,

167. u biex ikun jaf *(min huma)* dawk li wrew wiċċ b'ieħor li, meta ntqal *(lilhom)*: "Ejjew, tqatlu għal Alla, jew *(għallinqas)* iddefendu *(lilkom infuskom u lil nieskom)*," huma qalu: "Li kieku konna nafu li se jseħħ xi ġlied, konna niġu warajkom." Dakinhar huma kienu eqreb lejn iċ-ċaħda tat-twemmin milli lejn it-twemmin; b'fommhom jgħidu dak li ma huwiex fi qlubhom. Iżda Alla jaf sewwa b'dak li jaħbu.

168. *(Dawn ta' wiċċ b'ieħor huma dawk)* li, filwaqt li qagħdu *(mistrieħa d-dar)*, qalu hekk dwar ħuthom *(li marru jitqatlu għal Alla)*: "Li kieku semgħu minna, ma kinux jinqatlu." Għid*(ilhom Muħammad)*: "Bieġħdu l-mewt minnkom infuskom, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa!"

169. La taħsibx *(Muħammad)* li dawk li nqatlu għal Alla huma mejtin, imma ħajjin għand Sidhom, u għandhom l-għajxien tagħhom.

170. Huma ferħanin b'dak li Alla taħom mit-tjieba tiegħu *(fil-Ġenna)* u jifirħu bil-bxara li dawk *(li jitqabdu għal Alla)*, li għadhom ma ġewx ħdejhom *(fil-ħena tal-Ġenna)*, u *(baqgħu)* warajhom *(fid-dinja)*, ma għandhom ebda biża' fuqhom *(minn Jum il-Qawmien)* u lanqas *(għandhom għalfejn)* jitnikktu *(li se jħallu d-dinja, għaliex hemm tistenniehom Ħajja bil-wisq aħjar)*.

171. Huma jifirħu bil-bxara ta' grazzja minn Alla u tjieba *(kbira mingħandu)*, u li Alla ma jtellifx il-ħlas ta' dawk li jemmnu,

172. dawk li wieġbu *(għas-sejħa)* ta' Alla u tal-Mibgħut *(tiegħu Muħammad)*, wara li ndarbu *(fit-taqbid)*; għal dawk minnhom li għamlu t-tajjeb u beżgħu minn Alla *(u obdewh)*, hemm ħlas kbir.

173. Dawk li n-nies *(ta' wiċċ b'ieħor)* qalulhom: "Tabilħaqq in-nies *(għedewwa tagħkom, il-pagani ta' Qurajx)* inġemgħu kontrikom. Mela ibżgħu minnhom." *(Iżda dan il-kliem)* żiedhom fit-twemmin u qalu: "Alla biżżejjed għalina! Ħadd aħjar minnu ma jieħu ħsiebna!"

فَٱنقَلَبُوا۟ بِنِعْمَةٍ مِّنَ ٱللَّهِ وَفَضْلٍ لَّمْ يَمْسَسْهُمْ سُوٓءٌ وَٱتَّبَعُوا۟
رِضْوَٰنَ ٱللَّهِ ۗ وَٱللَّهُ ذُو فَضْلٍ عَظِيمٍ ﴿174﴾ إِنَّمَا ذَٰلِكُمُ ٱلشَّيْطَٰنُ
يُخَوِّفُ أَوْلِيَآءَهُۥ فَلَا تَخَافُوهُمْ وَخَافُونِ إِن كُنتُم مُّؤْمِنِينَ ﴿175﴾
وَلَا يَحْزُنكَ ٱلَّذِينَ يُسَٰرِعُونَ فِى ٱلْكُفْرِ ۚ إِنَّهُمْ لَن يَضُرُّوا۟ ٱللَّهَ
شَيْـًٔا ۗ يُرِيدُ ٱللَّهُ أَلَّا يَجْعَلَ لَهُمْ حَظًّا فِى ٱلْـَٔاخِرَةِ ۖ وَلَهُمْ عَذَابٌ
عَظِيمٌ ﴿176﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ ٱشْتَرَوُا۟ ٱلْكُفْرَ بِٱلْإِيمَٰنِ لَن يَضُرُّوا۟
ٱللَّهَ شَيْـًٔا وَلَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿177﴾ وَلَا يَحْسَبَنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟
أَنَّمَا نُمْلِى لَهُمْ خَيْرٌ لِّأَنفُسِهِمْ ۚ إِنَّمَا نُمْلِى لَهُمْ لِيَزْدَادُوٓا۟ إِثْمًا ۚ
وَلَهُمْ عَذَابٌ مُّهِينٌ ﴿178﴾ مَّا كَانَ ٱللَّهُ لِيَذَرَ ٱلْمُؤْمِنِينَ عَلَىٰ مَآ
أَنتُمْ عَلَيْهِ حَتَّىٰ يَمِيزَ ٱلْخَبِيثَ مِنَ ٱلطَّيِّبِ ۗ وَمَا كَانَ ٱللَّهُ لِيُطْلِعَكُمْ
عَلَى ٱلْغَيْبِ وَلَٰكِنَّ ٱللَّهَ يَجْتَبِى مِن رُّسُلِهِۦ مَن يَشَآءُ ۖ فَـَٔامِنُوا۟ بِٱللَّهِ
وَرُسُلِهِۦ ۚ وَإِن تُؤْمِنُوا۟ وَتَتَّقُوا۟ فَلَكُمْ أَجْرٌ عَظِيمٌ ﴿179﴾ وَلَا
يَحْسَبَنَّ ٱلَّذِينَ يَبْخَلُونَ بِمَآ ءَاتَىٰهُمُ ٱللَّهُ مِن فَضْلِهِۦ هُوَ خَيْرًا
لَّهُم ۖ بَلْ هُوَ شَرٌّ لَّهُمْ ۖ سَيُطَوَّقُونَ مَا بَخِلُوا۟ بِهِۦ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ ۗ
وَلِلَّهِ مِيرَٰثُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۗ وَٱللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ خَبِيرٌ ﴿180﴾

174. Huma reġgħu lura bi grazzja minn Alla u tjieba *(mingħandu)*, u ma messhom *(ebda)* deni. Huma fittxu li jogħġbu lil Alla, u Alla huwa ta' tjieba bla tarf.

175. Dak biss, ix-Xitan, li jbeżża' *(lil dawk li jemmnu)* bi shabu. La tibżgħux minnhom, iżda minni ibżgħu, jekk tassew temmnu!

176. *(Muħammad)*, la tħallix li dawk *(ta' wiċċ b'ieħor, dawk)* li jgħaġġlu *(bi kliemhom u b'għemilhom)* biex jiċħdu t-twemmin, inikktuk. Ma huma se jagħmlu ebda ħsara lil Alla. Alla jrid li ma jagħtihomx sehem fil-*(ħajja)* l-Oħra. Għalihom *(hemm)* kastig mill-kbar.

177. Tabilħaqq li dawk *(ta' wiċċ b'ieħor)* li jixtru ċ-ċaħda tat-twemmin *(bil-prezz tat-)* twemmin ma huma se jagħmlu ebda ħsara lil Alla, iżda jkollhom kastig ta' wġigħ.

178. Dawk li ma jemmnux ma għandhomx jaħsbu li huwa ta' ġid għalihom li qegħdin intawlulhom *(ħajjithom)*. Iżda qed intawlulhom *(ħajjithom)* biex jiżdiedu fil-ħtija. Tagħhom huwa kastig ta' tkasbir.

179. Alla ma huwiex se jħalli lil dawk li emmnu fil-qagħda li intom *(issa)*, sa ma jifred il-ħażin mit-tajjeb. Alla ma kellux għalfejn jgħarrafkom il-ħwejjeġ mistura, iżda Alla jagħżel lil min irid mill-Mibgħutin tiegħu *(u jgħarrafhom b'dak li hu mistur)*. Għalhekk emmnu f'Alla u fil-Mibgħutin tiegħu, u jekk temmnu u tibżgħu minn Alla *(u tobduh)*, ikollkom ħlas kbir.

180. *(Hekk ukoll)* dawk li jixxaħħu b'li tahom Alla mit-tjieba tiegħu, ma għandhomx jaħsbu li *(dan)* huwa ta' ġid għalihom. Le! Huwa ħażin għalihom! Dak li xxaħħu bih se jiddawwar ma' għonqhom f'Jum il-Qawmien. U ta' Alla huwa wirt is-smewwiet u l-art. Alla jaf sew b'dak li tagħmlu.

لَّقَدْ سَمِعَ ٱللَّهُ قَوْلَ ٱلَّذِينَ قَالُوٓا۟ إِنَّ ٱللَّهَ فَقِيرٌ وَنَحْنُ أَغْنِيَآءُ ۘ سَنَكْتُبُ مَا قَالُوا۟ وَقَتْلَهُمُ ٱلْأَنۢبِيَآءَ بِغَيْرِ حَقٍّ وَنَقُولُ ذُوقُوا۟ عَذَابَ ٱلْحَرِيقِ ﴿181﴾ ذَٰلِكَ بِمَا قَدَّمَتْ أَيْدِيكُمْ وَأَنَّ ٱللَّهَ لَيْسَ بِظَلَّٰمٍ لِّلْعَبِيدِ ﴿182﴾ ٱلَّذِينَ قَالُوٓا۟ إِنَّ ٱللَّهَ عَهِدَ إِلَيْنَآ أَلَّا نُؤْمِنَ لِرَسُولٍ حَتَّىٰ يَأْتِيَنَا بِقُرْبَانٍ تَأْكُلُهُ ٱلنَّارُ ۗ قُلْ قَدْ جَآءَكُمْ رُسُلٌ مِّن قَبْلِى بِٱلْبَيِّنَٰتِ وَبِٱلَّذِى قُلْتُمْ فَلِمَ قَتَلْتُمُوهُمْ إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ ﴿183﴾ فَإِن كَذَّبُوكَ فَقَدْ كُذِّبَ رُسُلٌ مِّن قَبْلِكَ جَآءُو بِٱلْبَيِّنَٰتِ وَٱلزُّبُرِ وَٱلْكِتَٰبِ ٱلْمُنِيرِ ﴿184﴾ كُلُّ نَفْسٍ ذَآئِقَةُ ٱلْمَوْتِ ۗ وَإِنَّمَا تُوَفَّوْنَ أُجُورَكُمْ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ ۖ فَمَن زُحْزِحَ عَنِ ٱلنَّارِ وَأُدْخِلَ ٱلْجَنَّةَ فَقَدْ فَازَ ۗ وَمَا ٱلْحَيَوٰةُ ٱلدُّنْيَآ إِلَّا مَتَٰعُ ٱلْغُرُورِ ﴿185﴾ ۞ لَتُبْلَوُنَّ فِىٓ أَمْوَٰلِكُمْ وَأَنفُسِكُمْ وَلَتَسْمَعُنَّ مِنَ ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْكِتَٰبَ مِن قَبْلِكُمْ وَمِنَ ٱلَّذِينَ أَشْرَكُوٓا۟ أَذًى كَثِيرًا ۚ وَإِن تَصْبِرُوا۟ وَتَتَّقُوا۟ فَإِنَّ ذَٰلِكَ مِنْ عَزْمِ ٱلْأُمُورِ ﴿186﴾

ربع الحزب 8

181. Alla sema' kliem dawk *(il-Lhud)* li qalu: "Alla fqir, u aħna għonja!" Se niktbu dak li qalu, u *(niktbu wkoll li huma)* qatlu l-Profeti, bla ħaqq. *(Lil dawn)* ngħidu*(lhom)*: "Duqu l-kastig tal-ħruq!

182. Dan *(il-kastig tal-ħruq jingħatalkom)* minħabba *(il-ħażen)* li għamlu idejkom. Alla ma huwiex inġust mal-qaddejja *(tiegħu)*."

183. Huma dawk li qalu: "Alla amrilna *(u wissiena fit-Torā)* biex ma nemmnux lil xi Mibgħut qabel ma jġibilna offerta li jikolha *(u jaħraqha)* in-nar *(li jinżel mis-sema)*." Għid*(ilhom Muħammad)*: "Diġà ġewkom qabli *(għadd ta')* Mibgħutin bis-sinjali ċ-ċari, u b'dan li qegħdin tgħidu *(dwar l-offerta)*. Mela għaliex qtiltuhom, jekk tabilħaqq qegħdin tgħidu s-sewwa?"

184. Jekk igiddbuk *(Muħammad, kun af li)* Mibgħutin *(oħra)* qablek tgiddbu, *(minkejja)* li kienu ġew bis-sinjali ċ-ċari, bil-Kotba ta' l-għerf, u bil-Ktieb li jdawwal *(bħat-Torā u l-Evanġelju)*.

185. Kull ruħ idduq il-mewt. F'Jum il-Qawmien biss tieħdu ħlaskom kollu. Min jinħeles min-Nar u jiddaħħal fil-Ġenna, ikun *(tassew)* rebbieħ, *(għaliex)* il-ħajja fid-dinja *(ma hija xejn)* għajr tgawdija qarrieqa *(u fiergħa)*.

186. Tabilħaqq li għad tiġġarrbu f'ġidkom u fikom infuskom, u żgur li għad tisimgħu deni kbir minn dawk li ngħataw il-Ktieb qabilkom, u minn dawk li xierku *(allat foloz ma' Alla)*. Iżda jekk tistabru u tibżgħu minn Alla, tabilħaqq li dan huwa sinjal ta' rieda qawwija.

وَإِذْ أَخَذَ ٱللَّهُ مِيثَٰقَ ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْكِتَٰبَ لَتُبَيِّنُنَّهُۥ لِلنَّاسِ
وَلَا تَكْتُمُونَهُۥ فَنَبَذُوهُ وَرَآءَ ظُهُورِهِمْ وَٱشْتَرَوْا۟ بِهِۦ ثَمَنًا
قَلِيلًا ۖ فَبِئْسَ مَا يَشْتَرُونَ ﴿187﴾ لَا تَحْسَبَنَّ ٱلَّذِينَ يَفْرَحُونَ
بِمَآ أَتَوا۟ وَّيُحِبُّونَ أَن يُحْمَدُوا۟ بِمَا لَمْ يَفْعَلُوا۟ فَلَا تَحْسَبَنَّهُم
بِمَفَازَةٍ مِّنَ ٱلْعَذَابِ ۖ وَلَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿188﴾ وَلِلَّهِ مُلْكُ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۗ وَٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿189﴾ إِنَّ فِى
خَلْقِ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَٱخْتِلَٰفِ ٱلَّيْلِ وَٱلنَّهَارِ لَءَايَٰتٍ
لِّأُو۟لِى ٱلْأَلْبَٰبِ ﴿190﴾ ٱلَّذِينَ يَذْكُرُونَ ٱللَّهَ قِيَٰمًا وَقُعُودًا
وَعَلَىٰ جُنُوبِهِمْ وَيَتَفَكَّرُونَ فِى خَلْقِ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ
رَبَّنَا مَا خَلَقْتَ هَٰذَا بَٰطِلًا سُبْحَٰنَكَ فَقِنَا عَذَابَ ٱلنَّارِ ﴿191﴾
رَبَّنَآ إِنَّكَ مَن تُدْخِلِ ٱلنَّارَ فَقَدْ أَخْزَيْتَهُۥ ۖ وَمَا لِلظَّٰلِمِينَ مِنْ
أَنصَارٍ ﴿192﴾ رَّبَّنَآ إِنَّنَا سَمِعْنَا مُنَادِيًا يُنَادِى لِلْإِيمَٰنِ أَنْ
ءَامِنُوا۟ بِرَبِّكُمْ فَـَٔامَنَّا ۚ رَبَّنَا فَٱغْفِرْ لَنَا ذُنُوبَنَا وَكَفِّرْ عَنَّا
سَيِّـَٔاتِنَا وَتَوَفَّنَا مَعَ ٱلْأَبْرَارِ ﴿193﴾ رَبَّنَا وَءَاتِنَا مَا وَعَدتَّنَا
عَلَىٰ رُسُلِكَ وَلَا تُخْزِنَا يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ ۗ إِنَّكَ لَا تُخْلِفُ ٱلْمِيعَادَ ﴿194﴾

187. *(Ftakar, Muħammad)* meta Alla daħal f'rabta ma' dawk li ngħataw il-Ktieb *(u qalilhom)*: "Araw li tfissruh biċ-ċar lin-nies, u la taħbuhx!" Iżda huma tefgħuh wara daharhom, u bigħuh bi prezz irħis. Tassew ta' għajb dak *(it-telfien)* li xtraw!

188. La taħsibx *(Muħammad)* li dawk li jifirħu b'li għamlu *(meta ħbew lin-nies it-tagħrif minn Alla fuqek)*, u jħobbu jkunu mfaħħra ta' dak li ma għamlux *(u lanqas ħarsu s-sewwa)* – la taħsibhomx li ħelsu mill-kastig. Għalihom hemm kastig ta' wġigħ.

189. Ta' Alla *(hija)* is-saltna fuq is-smewwiet u l-art, u Alla fuq kollox Setgħan.

190. Tabilħaqq li fil-ħolqien tas-smewwiet u l-art, u fid-dħul wara xulxin tal-lejl u n-nhar, hemm sinjali għal dawk ta' dehen,

191. dawk li jfaħħru lil Alla weqfin, bil-qiegħda u *(mimdudin)* fuq ġenbejhom, u jaħsbu fit-tul dwar il-ħolqien tas-smewwiet u l-art *(u jgħidu)*: "Sidna, Inti ma ħlaqtx dan *(kollu)* għalxejn. Sebħ lilek! Ħarisna mill-kastig tan-Nar!

192. Sidna, Inti lil dak li ddaħħal fin-Nar tiksih bl-għajb. Il-ħżiena ma għandhomx min jgħinhom.

193. Sidna, aħna smajna lil min isejjaħ lejn it-twemmin *(ta' Muħammad, u jgħid)*: 'Emmnu fil-Mulej tagħkom,' u aħna emminna. Sidna, aħfrilna dnubietna, ħassar minn fuqna ħtijietna, u ħudilna ħajjitna *(meta nkunu tajbin, biex ningħabru)* mal-ġusti.

194. Sidna, agħtina dak li wegħedtna permezz tal-Mibgħutin tiegħek, u la tkasbarniex f'Jum il-Qawmien. Inti, tabilħaqq, ma tiksirx il-wegħda *(tiegħek)*."

فَٱسْتَجَابَ لَهُمْ رَبُّهُمْ أَنِّى لَآ أُضِيعُ عَمَلَ عَٰمِلٍ مِّنكُم مِّن
ذَكَرٍ أَوْ أُنثَىٰ ۖ بَعْضُكُم مِّنۢ بَعْضٍ ۖ فَٱلَّذِينَ هَاجَرُوا۟ وَأُخْرِجُوا۟
مِن دِيَٰرِهِمْ وَأُوذُوا۟ فِى سَبِيلِى وَقَٰتَلُوا۟ وَقُتِلُوا۟ لَأُكَفِّرَنَّ
عَنْهُمْ سَيِّـَٔاتِهِمْ وَلَأُدْخِلَنَّهُمْ جَنَّٰتٍ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا
ٱلْأَنْهَٰرُ ثَوَابًا مِّنْ عِندِ ٱللَّهِ ۗ وَٱللَّهُ عِندَهُۥ حُسْنُ ٱلثَّوَابِ ﴿195﴾
لَا يَغُرَّنَّكَ تَقَلُّبُ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ فِى ٱلْبِلَٰدِ ﴿196﴾ مَتَٰعٌ قَلِيلٌ
ثُمَّ مَأْوَىٰهُمْ جَهَنَّمُ ۚ وَبِئْسَ ٱلْمِهَادُ ﴿197﴾ لَٰكِنِ ٱلَّذِينَ ٱتَّقَوْا۟
رَبَّهُمْ لَهُمْ جَنَّٰتٌ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ خَٰلِدِينَ فِيهَا
نُزُلًا مِّنْ عِندِ ٱللَّهِ ۗ وَمَا عِندَ ٱللَّهِ خَيْرٌ لِّلْأَبْرَارِ ﴿198﴾ وَإِنَّ مِنْ
أَهْلِ ٱلْكِتَٰبِ لَمَن يُؤْمِنُ بِٱللَّهِ وَمَآ أُنزِلَ إِلَيْكُمْ وَمَآ
أُنزِلَ إِلَيْهِمْ خَٰشِعِينَ لِلَّهِ لَا يَشْتَرُونَ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ ثَمَنًا
قَلِيلًا ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمْ أَجْرُهُمْ عِندَ رَبِّهِمْ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ
سَرِيعُ ٱلْحِسَابِ ﴿199﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ٱصْبِرُوا۟
وَصَابِرُوا۟ وَرَابِطُوا۟ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ لَعَلَّكُمْ تُفْلِحُونَ ﴿200﴾

سورة النساء

195. U Sidhom laqa' t-talba tagħhom *(u weġibhom)*: "Tabilħaqq li Jiena ma nġibx fix-xejn ix-xogħol ta' ħadd minnkom, sew jekk raġel, u sew jekk mara. Intom *(ġejjin)* minn xulxin *(ir-raġel mill-mara, u l-mara mir-raġel, u ħlaskom l-istess)*. Għalhekk dawk li emigraw *(minħabba r-reliġjon tagħhom)*, li tkeċċew minn djarhom, li batew ħsara minħabba fija, u tqatlu u nqatlu – tassew li se nħassar ħtijiethom, u ndaħħalhom f'Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, bħala ħlas mingħand Alla, għaliex Alla għandu l-aħjar ħlas."

196. La tħallix iqarraq bik *(Muħammad, u b'kulmin jimxi warajk)* il-ġid u s-setgħa li dawk li m'emmnux igawdu fil-pajjiżi.

197. *(F'dan għandhom biss)* tgawdija żgħira *(għaliex)* imbagħad il-kenn tagħhom ikun l-Infern. Ta' għajb il-friex *(tagħhom fin-Nar)*.

198. Iżda dawk li beżgħu minn Sidhom għandhom Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom jgħammru għal dejjem. Huma għotja mingħand Alla. U dak li hu għand Alla huwa aħjar għall-ġusti.

199. Tabilħaqq li fost Nies il-Ktieb *(il-Lhud u l-Insara)* hemm min jemmen f'Alla u f'dak li tniżżlilkom *(il-Qoran)*, u f'dak li tniżżlilhom *(it-Torā u l-Evanġelju; nies)* umli quddiem Alla, u ma jbigħux ir-Rivelazzjoni ta' Alla bi prezz irħis. Dawk għandhom ħlashom għand Sidhom. Tabilħaqq li Alla malajr jagħmel il-kontijiet.

200. Intom li temmnu, stabru, fittxu li tgħaddu *(lill-għedewwa tagħkom)* fis-sabar, żommu sħiħ fl-imkejjen tat-taqbid ma' l-għadu, u ibżgħu minn Alla, biex forsi tkunu rebbiħin.

بسم الله الرحمن الرحيم

نصف الحزب 8

يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ ٱتَّقُوا۟ رَبَّكُمُ ٱلَّذِى خَلَقَكُم مِّن نَّفْسٍ وَٰحِدَةٍ وَخَلَقَ مِنْهَا
زَوْجَهَا وَبَثَّ مِنْهُمَا رِجَالًا كَثِيرًا وَنِسَآءً ۚ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ ٱلَّذِى تَسَآءَلُونَ
بِهِۦ وَٱلْأَرْحَامَ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ عَلَيْكُمْ رَقِيبًا ﴿1﴾ وَءَاتُوا۟ ٱلْيَتَٰمَىٰٓ أَمْوَٰلَهُمْ ۖ
وَلَا تَتَبَدَّلُوا۟ ٱلْخَبِيثَ بِٱلطَّيِّبِ ۖ وَلَا تَأْكُلُوٓا۟ أَمْوَٰلَهُمْ إِلَىٰٓ أَمْوَٰلِكُمْ ۚ إِنَّهُۥ
كَانَ حُوبًا كَبِيرًا ﴿2﴾ وَإِنْ خِفْتُمْ أَلَّا تُقْسِطُوا۟ فِى ٱلْيَتَٰمَىٰ فَٱنكِحُوا۟
مَا طَابَ لَكُم مِّنَ ٱلنِّسَآءِ مَثْنَىٰ وَثُلَٰثَ وَرُبَٰعَ ۖ فَإِنْ خِفْتُمْ أَلَّا تَعْدِلُوا۟
فَوَٰحِدَةً أَوْ مَا مَلَكَتْ أَيْمَٰنُكُمْ ۚ ذَٰلِكَ أَدْنَىٰٓ أَلَّا تَعُولُوا۟ ﴿3﴾ وَءَاتُوا۟
ٱلنِّسَآءَ صَدُقَٰتِهِنَّ نِحْلَةً ۚ فَإِن طِبْنَ لَكُمْ عَن شَىْءٍ مِّنْهُ نَفْسًا فَكُلُوهُ
هَنِيٓـًٔا مَّرِيٓـًٔا ﴿4﴾ وَلَا تُؤْتُوا۟ ٱلسُّفَهَآءَ أَمْوَٰلَكُمُ ٱلَّتِى جَعَلَ ٱللَّهُ لَكُمْ
قِيَٰمًا وَٱرْزُقُوهُمْ فِيهَا وَٱكْسُوهُمْ وَقُولُوا۟ لَهُمْ قَوْلًا مَّعْرُوفًا ﴿5﴾ وَٱبْتَلُوا۟
ٱلْيَتَٰمَىٰ حَتَّىٰٓ إِذَا بَلَغُوا۟ ٱلنِّكَاحَ فَإِنْ ءَانَسْتُم مِّنْهُمْ رُشْدًا فَٱدْفَعُوٓا۟
إِلَيْهِمْ أَمْوَٰلَهُمْ ۖ وَلَا تَأْكُلُوهَآ إِسْرَافًا وَبِدَارًا أَن يَكْبَرُوا۟ ۚ وَمَن كَانَ
غَنِيًّا فَلْيَسْتَعْفِفْ ۖ وَمَن كَانَ فَقِيرًا فَلْيَأْكُلْ بِٱلْمَعْرُوفِ ۚ فَإِذَا
دَفَعْتُمْ إِلَيْهِمْ أَمْوَٰلَهُمْ فَأَشْهِدُوا۟ عَلَيْهِمْ ۚ وَكَفَىٰ بِٱللَّهِ حَسِيبًا ﴿6﴾

4. *Sūratu n-Nisā'*

(Suret in-Nisa – Niżlet f'Medina b'176 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Ja nies, ibżgħu minn Sidkom li ħalaqkom minn bniedem wieħed, u minnu ħalaq seħbitu. Minnhom it-tnejn xerred ħafna rġiel u nisa. Ibżgħu minn Alla li f'ismu titolbu dak li tixtiequ mingħand xulxin, u la tonqsux lejn qrabatkom. Alla tabilħaqq iħariskom *(u jgħasses fuqkom)*.
2. Agħtu lill-iltiema ġidhom *(meta jikbru)* u la tbiddlux il-ħażin *(u dak li hu projbit għalikom, jiġifieri ġidhom)* mat-tajjeb *(jiġifieri ġidkom)*. La tiklux ġidhom *(billi tħalltuh)* ma' ġidkom. *(Dan)* huwa tabilħaqq dnub kbir!
3. U jekk tibżgħu li ma timxux bil-ħaqq mat-tfajliet iltiema, mela żżewġu n-nisa *(l-oħrajn)* li tridu, tnejn, tlieta, *(jew)* erbgħa. U jekk tibżgħu li ma timxux bil-ħaqq *(magħhom kollha)*, mela żżewġu waħda *(biss)*, jew dawk *(in-nisa lsiera)* li għandkom fil-leminija tagħkom. Dan huwa aħjar biex ma tonqsux *(lejn in-nisa tagħkom)*.
4. Agħtu lin-nisa *(tagħkom)* id-dota tagħhom bħala għotja *(mill-qalb)*. Iżda jekk, minn rajhom, iroddulkom xi ħaġa minnha, intom tistgħu teħduha u tithennew biha.
5. La tagħtux lil dawk ta' moħħhom ħafif il-ġid *(tagħhom miżmum għandkom, u li huwa wkoll)* tagħkom, li Alla ħejja għalikom biex tgħixu bih, iżda għajxuhom u libbsuhom minnu, u għidulhom kliem xieraq.
6. Għarblu lill-iltiema *(biex taraw l-għaqal tagħhom)* u meta jilħqu l-età taż-żwieġ, jekk issibu l-għaqal fihom, mela roddulhom ġidhom *(bla dewmien)*. La tiklux *(ġidhom)* fil-ħela u bl-għaġla, qabel ma jikbru *(u jkun jistħoqqilhom ġidhom)*. Min *(fost dawk li jrabbu l-iltiema)* ikun għani, għandu jżomm lura *(milli jieħu minn ġidhom)*, u min ikun fqir, jista' jieħu bil-ħaqq! Meta *(imbagħad)* tagħtuhom ġidhom, araw li ġġibu x-xhieda għalihom. Alla huwa biżżejjed biex jagħmel il-kontijiet.

لِّلرِّجَالِ نَصِيبٌ مِّمَّا تَرَكَ ٱلْوَٰلِدَانِ وَٱلْأَقْرَبُونَ وَلِلنِّسَآءِ نَصِيبٌ
مِّمَّا تَرَكَ ٱلْوَٰلِدَانِ وَٱلْأَقْرَبُونَ مِمَّا قَلَّ مِنْهُ أَوْ كَثُرَ ۚ نَصِيبًا
مَّفْرُوضًا ﴿7﴾ وَإِذَا حَضَرَ ٱلْقِسْمَةَ أُو۟لُوا۟ ٱلْقُرْبَىٰ وَٱلْيَتَٰمَىٰ
وَٱلْمَسَٰكِينُ فَٱرْزُقُوهُم مِّنْهُ وَقُولُوا۟ لَهُمْ قَوْلًا مَّعْرُوفًا
﴿8﴾ وَلْيَخْشَ ٱلَّذِينَ لَوْ تَرَكُوا۟ مِنْ خَلْفِهِمْ ذُرِّيَّةً ضِعَٰفًا
خَافُوا۟ عَلَيْهِمْ فَلْيَتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَلْيَقُولُوا۟ قَوْلًا سَدِيدًا ﴿9﴾
إِنَّ ٱلَّذِينَ يَأْكُلُونَ أَمْوَٰلَ ٱلْيَتَٰمَىٰ ظُلْمًا إِنَّمَا يَأْكُلُونَ فِى
بُطُونِهِمْ نَارًا ۖ وَسَيَصْلَوْنَ سَعِيرًا ﴿10﴾ يُوصِيكُمُ ٱللَّهُ
فِىٓ أَوْلَٰدِكُمْ ۖ لِلذَّكَرِ مِثْلُ حَظِّ ٱلْأُنثَيَيْنِ ۚ فَإِن كُنَّ نِسَآءً
فَوْقَ ٱثْنَتَيْنِ فَلَهُنَّ ثُلُثَا مَا تَرَكَ ۖ وَإِن كَانَتْ وَٰحِدَةً فَلَهَا
ٱلنِّصْفُ ۚ وَلِأَبَوَيْهِ لِكُلِّ وَٰحِدٍ مِّنْهُمَا ٱلسُّدُسُ مِمَّا تَرَكَ إِن
كَانَ لَهُۥ وَلَدٌ ۚ فَإِن لَّمْ يَكُن لَّهُۥ وَلَدٌ وَوَرِثَهُۥٓ أَبَوَاهُ فَلِأُمِّهِ ٱلثُّلُثُ ۚ
فَإِن كَانَ لَهُۥٓ إِخْوَةٌ فَلِأُمِّهِ ٱلسُّدُسُ ۚ مِنۢ بَعْدِ وَصِيَّةٍ يُوصِى
بِهَآ أَوْ دَيْنٍ ۗ ءَابَآؤُكُمْ وَأَبْنَآؤُكُمْ لَا تَدْرُونَ أَيُّهُمْ أَقْرَبُ لَكُمْ
نَفْعًا ۚ فَرِيضَةً مِّنَ ٱللَّهِ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ عَلِيمًا حَكِيمًا ﴿11﴾

7. L-irġiel għandhom sehemhom minn dak li jħallu l-ġenituri u l-qraba *(tagħhom)*, u *(hekk ukoll)* in-nisa għandhom sehemhom minn dak li jħallu l-ġenituri u l-qraba, sew jekk ftit, sew jekk ħafna – sehem iffissat *(skond il-liġi ta' Alla)*.
8. U jekk il-qraba *(l-oħra li ma jistħoqqilhomx sehem mill-wirt)*, l-iltiema u l-foqra jkunu preżenti għall-qsim *(tal-wirt)*, mela agħtuhom minnu, u għidulhom kliem xieraq.
9. Ħalli jibżgħu dawk *(li jkunu qed jaqsmu xi wirt, jew min irabbi u jieħu ħsieb l-iltiema, bħalma)* kienu jibżgħu kieku ħallew warajhom ulied dgħajfa! Mela ħalli jibżgħu minn Alla, u ħalli jgħidu kliem sewwa!
10. Tabilħaqq li dawk li jieklu ġid l-iltiema mingħajr ħaqq, ma jkunux jieklu ħlief Nar ġewwa żaqqhom. Huma se jinxtwew f'ħuġġieġa!
11. Alla jamrilkom *(b'dan li ġej)* fuq *(il-wirt li jmiss lil)* uliedkom: l-iben ikollu daqs is-sehem taż-żewġt ibniet, u jekk *(il-werrieta)* ikunu nisa *(biss, tnejn jew)* aktar minn tnejn, *(dawn)* imisshom żewġ terzi minn dak li ħalla *(il-missier jew l-omm)*. Jekk *(il-werrieta)* tkun mara waħda, din imissha n-nofs. Kull wieħed mill-ġenituri *(tal-mejjet)* imissu wieħed minn sitta ta' dak li jkun ħalla, jekk dan ikollu tfal. Jekk ma jkollux tfal, u l-ġenituri tiegħu jirtuh, ommu tieħu terz *(u missieru jieħu żewġ terzi)*. Jekk *(il-mejjet)* ikollu aħwa, għal ommu *(hemm)* wieħed minn sitta *(u l-bqija jieħdu l-missier)*. *(Qsim il-wirt isir)* wara li *(jitħallas)* xi legat li l-mejjet ikun ordna, jew xi dejn. Intom ma tafux min minnhom, il-ġenituri tagħkom jew uliedkom, huma l-aktar ta' fejda għalikom. *(Dawn huma ishma fissi u huma)* amar minn Alla. Alla tabilħaqq jaf kollox u Għaref.

ثلاثة أرباع الحزب 8

۞ وَلَكُمْ نِصْفُ مَا تَرَكَ أَزْوَاجُكُمْ إِن لَّمْ يَكُن
لَّهُنَّ وَلَدٌ فَإِن كَانَ لَهُنَّ وَلَدٌ فَلَكُمُ الرُّبُعُ مِمَّا
تَرَكْنَ مِنۢ بَعْدِ وَصِيَّةٍ يُوصِينَ بِهَآ أَوْ دَيْنٍ
وَلَهُنَّ الرُّبُعُ مِمَّا تَرَكْتُمْ إِن لَّمْ يَكُن لَّكُمْ وَلَدٌ
فَإِن كَانَ لَكُمْ وَلَدٌ فَلَهُنَّ الثُّمُنُ مِمَّا تَرَكْتُم
مِّنۢ بَعْدِ وَصِيَّةٍ تُوصُونَ بِهَآ أَوْ دَيْنٍ وَإِن كَانَ
رَجُلٌ يُورَثُ كَلَٰلَةً أَوِ ٱمْرَأَةٌ وَلَهُۥٓ أَخٌ أَوْ أُخْتٌ فَلِكُلِّ
وَٰحِدٍ مِّنْهُمَا ٱلسُّدُسُ فَإِن كَانُوٓا۟ أَكْثَرَ مِن ذَٰلِكَ
فَهُمْ شُرَكَآءُ فِى ٱلثُّلُثِ مِنۢ بَعْدِ وَصِيَّةٍ يُوصَىٰ بِهَآ
أَوْ دَيْنٍ غَيْرَ مُضَآرٍّ وَصِيَّةً مِّنَ ٱللَّهِ وَٱللَّهُ عَلِيمٌ حَلِيمٌ
(12) تِلْكَ حُدُودُ ٱللَّهِ وَمَن يُطِعِ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ
يُدْخِلْهُ جَنَّٰتٍ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ
خَٰلِدِينَ فِيهَا وَذَٰلِكَ ٱلْفَوْزُ ٱلْعَظِيمُ (13)
وَمَن يَعْصِ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ وَيَتَعَدَّ حُدُودَهُۥ يُدْخِلْهُ
نَارًا خَٰلِدًا فِيهَا وَلَهُۥ عَذَابٌ مُّهِينٌ (14)

12. *(Hemm)* għalikom *(l-irġiel)* nofs dak li jħallu n-nisa tagħkom, jekk ma jkollhomx tfal *(minnkom jew minn ħaddieħor)*. Jekk ikollhom tfal, intom imisskom il-kwart ta' dak li jħallu, wara li *(jitħallas)* xi legat li huma jkunu ordnaw *(li għandu jitħallas)*, jew xi dejn. Għalihom *(għan-nisa tagħkom – waħda jew aktar –hemm)* kwart ta' dak li tħallu, jekk ma jkollkomx tfal. Jekk ikollkom tfal *(minnhom, jew minn nisa oħra)*, ikun imisshom wieħed minn tmienja ta' dak li tħallu, wara li *(jitħallas)* xi legat li tkunu ordnajtu *(li għandu jitħallas)*, jew xi dejn. Jekk *(imbagħad)* raġel – jew mara – ma jkollux werrieta mill-qrib *(missier jew iben)*, iżda jkollu lil ħuh jew lil oħtu *(mill-istess omm, iżda minn missirijiet differenti)*, għal kull wieħed minnhom it-tnejn *(hemm)* wieħed minn sitta. Jekk *(l-aħwa mill-istess omm)* ikunu aktar minn hekk, huma jkunu sħab *(indaqs, subien u bniet)* fit-terz, wara li *(jitħallas)* xi legat *(li l-mejjet ikun ordna li għandu jitħallas)*, jew xi dejn, mingħajr telf *(lil ħadd mill-werrieta jew persuni oħra)*. *(Dan huwa)* amar minn Alla. Alla jaf kollox; Kollu Sabar mal-midinbin.

13. Dawk huma d-digrieti ta' Alla. Min joqgħod għal Alla u għall-Mibgħut tiegħu, *(Alla)* idaħħlu f'Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom jgħammru għal dejjem. Dik hija r-rebħa l-kbira.

14. Iżda min ma jobdix lil Alla u lill-Mibgħut tiegħu, u jikser id-digrieti tiegħu, *(Alla)* idaħħlu f'Nar li fih jgħammar għal dejjem, u jkollu kastig ta' tkasbir.

وَٱلَّٰتِى يَأْتِينَ ٱلْفَٰحِشَةَ مِن نِّسَآئِكُمْ فَٱسْتَشْهِدُوا۟
عَلَيْهِنَّ أَرْبَعَةً مِّنكُمْ ۖ فَإِن شَهِدُوا۟ فَأَمْسِكُوهُنَّ فِى
ٱلْبُيُوتِ حَتَّىٰ يَتَوَفَّىٰهُنَّ ٱلْمَوْتُ أَوْ يَجْعَلَ ٱللَّهُ لَهُنَّ سَبِيلًا
﴿15﴾ وَٱلَّذَانِ يَأْتِيَٰنِهَا مِنكُمْ فَـَٔاذُوهُمَا ۖ فَإِن تَابَا
وَأَصْلَحَا فَأَعْرِضُوا۟ عَنْهُمَآ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ تَوَّابًا رَّحِيمًا
﴿16﴾ إِنَّمَا ٱلتَّوْبَةُ عَلَى ٱللَّهِ لِلَّذِينَ يَعْمَلُونَ ٱلسُّوٓءَ بِجَهَٰلَةٍ
ثُمَّ يَتُوبُونَ مِن قَرِيبٍ فَأُو۟لَٰٓئِكَ يَتُوبُ ٱللَّهُ عَلَيْهِمْ ۗ وَكَانَ
ٱللَّهُ عَلِيمًا حَكِيمًا ﴿17﴾ وَلَيْسَتِ ٱلتَّوْبَةُ لِلَّذِينَ
يَعْمَلُونَ ٱلسَّيِّـَٔاتِ حَتَّىٰٓ إِذَا حَضَرَ أَحَدَهُمُ ٱلْمَوْتُ
قَالَ إِنِّى تُبْتُ ٱلْـَٰٔنَ وَلَا ٱلَّذِينَ يَمُوتُونَ وَهُمْ كُفَّارٌ ۚ
أُو۟لَٰٓئِكَ أَعْتَدْنَا لَهُمْ عَذَابًا أَلِيمًا ﴿18﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ لَا يَحِلُّ لَكُمْ أَن تَرِثُوا۟ ٱلنِّسَآءَ كَرْهًا ۖ وَلَا تَعْضُلُوهُنَّ
لِتَذْهَبُوا۟ بِبَعْضِ مَآ ءَاتَيْتُمُوهُنَّ إِلَّآ أَن يَأْتِينَ بِفَٰحِشَةٍ
مُّبَيِّنَةٍ ۚ وَعَاشِرُوهُنَّ بِٱلْمَعْرُوفِ ۚ فَإِن كَرِهْتُمُوهُنَّ فَعَسَىٰٓ
أَن تَكْرَهُوا۟ شَيْـًٔا وَيَجْعَلَ ٱللَّهُ فِيهِ خَيْرًا كَثِيرًا ﴿19﴾

15. Dawk fost in-nisa tagħkom li jagħtuha għall-għemejjel faħxija, ġibu kontrihom erba' xhieda *(irġiel Misilmin)* minn fostkom. Jekk *(dawn)* jixhdu *(li n-nisa huma ħatja)*, żommuhom fid-djar sa ma l-mewt teħodhom, jew *(inkella)* Alla jsib triq *(oħra għalihom)*.

16. Dawk it-tnejn *(żewġt irġiel jew raġel u mara)* fostkom li jagħtuha *(għall-għemejjel faħxija)*, ikkastigawhom it-tnejn li huma. Jekk *(imbagħad)* jindmu u jsewwu l-imġiba tagħhom, ħalluhom. Alla tabilħaqq idur Kollu Maħfra, il-Ħanin.

17. Alla jilqa' l-indiema ta' dawk li jagħmlu l-ħażen b'injuranza u bi bluha, imbagħad malajr jindmu minnu. Lejn dawk Alla jdur bil-maħfra. Alla jaf kollox u Għaref.

18. Ma hijiex indiema ta' dawk li *(jibqgħu)* jagħmlu l-għemejjel ħżiena sa ma tasal il-mewt fuq xi ħadd minnhom u *(imbagħad)* jgħid: "Issa ndimt!" U lanqas *(ma hija ndiema)* ta' dawk li jmutu *(u jibqgħu)* ma jemmnux. Għal dawk ħejjejna kastig ta' wġigħ.

19. Intom li temmnu, ma jiswiex li tirtu n-nisa kontra r-rieda tagħhom. Lanqas ma għandkom tkidduhom *(jew iżżommuhom milli jiżżewġu)* biex teħdulhom xi ħaġa li tajtuhom *(bħala dota)*, ħlief jekk jagħmlu għemejjel faħxija bil-miftuħ. Għixu magħhom bit-tjieba, *(għaliex anki)* jekk tobogħduhom, jista' jkun li tobogħdu xi ħaġa li Alla qiegħed fiha ġid kbir.

وَإِنْ أَرَدتُّمُ ٱسْتِبْدَالَ زَوْجٍ مَّكَانَ زَوْجٍ وَءَاتَيْتُمْ
إِحْدَىٰهُنَّ قِنطَارًا فَلَا تَأْخُذُوا۟ مِنْهُ شَيْـًٔا ۚ أَتَأْخُذُونَهُۥ
بُهْتَٰنًا وَإِثْمًا مُّبِينًا ﴿20﴾ وَكَيْفَ تَأْخُذُونَهُۥ وَقَدْ أَفْضَىٰ
بَعْضُكُمْ إِلَىٰ بَعْضٍ وَأَخَذْنَ مِنكُم مِّيثَٰقًا
غَلِيظًا ﴿21﴾ وَلَا تَنكِحُوا۟ مَا نَكَحَ ءَابَآؤُكُم مِّنَ
ٱلنِّسَآءِ إِلَّا مَا قَدْ سَلَفَ ۚ إِنَّهُۥ كَانَ فَٰحِشَةً وَمَقْتًا
وَسَآءَ سَبِيلًا ﴿22﴾ حُرِّمَتْ عَلَيْكُمْ أُمَّهَٰتُكُمْ
وَبَنَاتُكُمْ وَأَخَوَٰتُكُمْ وَعَمَّٰتُكُمْ وَخَٰلَٰتُكُمْ وَبَنَاتُ
ٱلْأَخِ وَبَنَاتُ ٱلْأُخْتِ وَأُمَّهَٰتُكُمُ ٱلَّٰتِىٓ أَرْضَعْنَكُمْ
وَأَخَوَٰتُكُم مِّنَ ٱلرَّضَٰعَةِ وَأُمَّهَٰتُ نِسَآئِكُمْ
وَرَبَٰٓئِبُكُمُ ٱلَّٰتِى فِى حُجُورِكُم مِّن نِّسَآئِكُمُ
ٱلَّٰتِى دَخَلْتُم بِهِنَّ فَإِن لَّمْ تَكُونُوا۟ دَخَلْتُم بِهِنَّ
فَلَا جُنَاحَ عَلَيْكُمْ وَحَلَٰٓئِلُ أَبْنَآئِكُمُ ٱلَّذِينَ
مِنْ أَصْلَٰبِكُمْ وَأَن تَجْمَعُوا۟ بَيْنَ ٱلْأُخْتَيْنِ
إِلَّا مَا قَدْ سَلَفَ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ غَفُورًا رَّحِيمًا ﴿23﴾

20. Jekk tkunu tridu tibdlu mara ma' mara *(oħra)* minflokha *(biex tiżżewġuha)*, u kontu tajtu lill-*(ewwel)* waħda minnhom qantar *(deheb bħala dota)*, la tieħdu *(lura)* minnu xejn! Jaqaw tridu teħduh b'qerq u bi ħtija *(li ssir)* fil-beraħ?

21. U kif teħduh *(lura)* meta kellkom x'taqsmu ma' xulxin, u *(in-nisa tagħkom)* ħadu mingħandkom wegħda soda *(dwar l-għaqda tagħkom fiż-żwieġ magħhom)*?

22. La tiżżewġux in-nisa li żżewġu missirijietkom, ħlief dak li seħħ fl-imgħoddi. Dan tabilħaqq kien għemil faħxi u mibgħud, u mġiba ħażina.

23. Ma jiswewx għalikom *(għaż-żwieġ)* ommijietkom, il-bniet tagħkom, ħutkom il-bniet, zijietkom min-naħa tal-missier u ta' l-omm, il-bniet ta' ħukom, il-bniet ta' oħtkom, ommijietkom li reddgħukom, ħutkom il-bniet mill-irdigħ, ommijiet in-nisa tagħkom, il-bniet li huma taħt il-ħarsien tagħkom. min-nisa li kellkom x'taqsmu magħhom – iżda jekk ma kellkomx x'taqsmu magħhom, ma hemm xejn ħażin li tiżżewġu l-bniet tagħhom – in-nisa ta' wliedkom li huma minn nisilkom, u *(lanqas tistgħu)* tiżżewġu żewġt aħwa bniet *(fl-istess ħin)*, ħlief dak li diġà seħħ fl-imgħoddi. Alla tabilħaqq huwa Kollu Maħfra, il-Ħanin.

الجزء 5 الحزب 9

۞ وَٱلْمُحْصَنَٰتُ مِنَ ٱلنِّسَآءِ إِلَّا مَا مَلَكَتْ أَيْمَٰنُكُمْ ۖ
كِتَٰبَ ٱللَّهِ عَلَيْكُمْ ۚ وَأُحِلَّ لَكُم مَّا وَرَآءَ ذَٰلِكُمْ أَن تَبْتَغُوا۟
بِأَمْوَٰلِكُم مُّحْصِنِينَ غَيْرَ مُسَٰفِحِينَ ۚ فَمَا ٱسْتَمْتَعْتُم بِهِۦ
مِنْهُنَّ فَـَٔاتُوهُنَّ أُجُورَهُنَّ فَرِيضَةً ۚ وَلَا جُنَاحَ عَلَيْكُمْ
فِيمَا تَرَٰضَيْتُم بِهِۦ مِنۢ بَعْدِ ٱلْفَرِيضَةِ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ عَلِيمًا
حَكِيمًا ﴿24﴾ وَمَن لَّمْ يَسْتَطِعْ مِنكُمْ طَوْلًا أَن يَنكِحَ
ٱلْمُحْصَنَٰتِ ٱلْمُؤْمِنَٰتِ فَمِن مَّا مَلَكَتْ أَيْمَٰنُكُم مِّن
فَتَيَٰتِكُمُ ٱلْمُؤْمِنَٰتِ ۚ وَٱللَّهُ أَعْلَمُ بِإِيمَٰنِكُم ۚ بَعْضُكُم مِّنۢ
بَعْضٍ ۚ فَٱنكِحُوهُنَّ بِإِذْنِ أَهْلِهِنَّ وَءَاتُوهُنَّ أُجُورَهُنَّ
بِٱلْمَعْرُوفِ مُحْصَنَٰتٍ غَيْرَ مُسَٰفِحَٰتٍ وَلَا مُتَّخِذَٰتِ
أَخْدَانٍ ۚ فَإِذَآ أُحْصِنَّ فَإِنْ أَتَيْنَ بِفَٰحِشَةٍ فَعَلَيْهِنَّ نِصْفُ
مَا عَلَى ٱلْمُحْصَنَٰتِ مِنَ ٱلْعَذَابِ ۚ ذَٰلِكَ لِمَنْ خَشِىَ
ٱلْعَنَتَ مِنكُمْ ۚ وَأَن تَصْبِرُوا۟ خَيْرٌ لَّكُمْ ۗ وَٱللَّهُ غَفُورٌ رَّحِيمٌ
﴿25﴾ يُرِيدُ ٱللَّهُ لِيُبَيِّنَ لَكُمْ وَيَهْدِيَكُمْ سُنَنَ ٱلَّذِينَ
مِن قَبْلِكُمْ وَيَتُوبَ عَلَيْكُمْ ۗ وَٱللَّهُ عَلِيمٌ حَكِيمٌ ﴿26﴾

24. U n-nisa miżżewġa *(ukoll ma tistgħux tiżżewġuhom)* ħlief dawk *(l-ilsiera)* li għandkom fil-leminija tagħkom. Dan hu l-Ktieb *(u d-digriet)* ta' Alla għalikom. Jiswa għalikom *(iż-żwieġ man-nisa)* li ma humiex minn dawn *(in-nisa projbiti li ssemmew)*, biex tfittxuhom bil-ġid *(tad-dota)* tagħkom, għaż-żwieġ u mhux għaż-żina. U ta' l-hena li tieħdu mingħandhom, araw li tagħtuhom il-ħlas *(tad-dota)*, li hu dmir *(tagħkom)*. Ma jkollkom ebda ħtija ta' dak li tiftiehmu bejnietkom wara li d-dota *(tkunu ftehimtu fuqha)*. Alla tabilħaqq jaf kollox, u Għaref.

25. Min *(minnkom)* ma jkollux biex jiżżewweġ nisa ħielsa li jemmnu, *(ikun jista' jiżżewweġ)* dawk it-tfajliet *(ilsiera)* li jemmnu, li għandkom fil-leminija tagħkom. Alla jaf sew bi twemminkom. Intom *(ġejjin)* minn xulxin, għalhekk iżżewġuhom bir-rieda ta' nieshom, u agħtuhom il-ħlas *(tad-dota)* tagħhom, kif jixraq, *(għaliex huma nisa li)* jgħożżu s-safa, ma humiex mogħtija għaż-żina u lanqas ma għandhom maħbubin *(oħra)*. Jekk meta jiżżewġu jagħmlu għemil faħxi, għalihom hemm nofs il-kastig li jmiss lin-nisa ħielsa. Din *(hija l-liġi)* għal min, fostkom, jibża' mid-dnub. Ikun aħjar għalikom li toqogħdu b'sabarkom *(u ma tiżżewġux nisa lsiera)*. Alla Kollu Maħfra u Ħanin.

26. Alla jrid jurikom biċ-ċar u jmexxikom sewwa fit-toroq ta' dawk li *(għaddew)* qabilkom, u jdur lejkom bil-maħfra. Alla jaf kollox u Għaref.

وَاللَّهُ يُرِيدُ أَن يَتُوبَ عَلَيْكُمْ وَيُرِيدُ الَّذِينَ يَتَّبِعُونَ
الشَّهَوَاتِ أَن تَمِيلُوا مَيْلًا عَظِيمًا ﴿27﴾ يُرِيدُ اللَّهُ أَن يُخَفِّفَ
عَنكُمْ ۚ وَخُلِقَ الْإِنسَانُ ضَعِيفًا ﴿28﴾ يَا أَيُّهَا الَّذِينَ
آمَنُوا لَا تَأْكُلُوا أَمْوَالَكُم بَيْنَكُم بِالْبَاطِلِ إِلَّا أَن
تَكُونَ تِجَارَةً عَن تَرَاضٍ مِّنكُمْ ۚ وَلَا تَقْتُلُوا أَنفُسَكُمْ ۚ
إِنَّ اللَّهَ كَانَ بِكُمْ رَحِيمًا ﴿29﴾ وَمَن يَفْعَلْ ذَٰلِكَ عُدْوَانًا
وَظُلْمًا فَسَوْفَ نُصْلِيهِ نَارًا ۚ وَكَانَ ذَٰلِكَ عَلَى اللَّهِ
يَسِيرًا ﴿30﴾ إِن تَجْتَنِبُوا كَبَائِرَ مَا تُنْهَوْنَ عَنْهُ نُكَفِّرْ
عَنكُمْ سَيِّئَاتِكُمْ وَنُدْخِلْكُم مُّدْخَلًا كَرِيمًا ﴿31﴾
وَلَا تَتَمَنَّوْا مَا فَضَّلَ اللَّهُ بِهِ بَعْضَكُمْ عَلَىٰ بَعْضٍ ۚ لِّلرِّجَالِ
نَصِيبٌ مِّمَّا اكْتَسَبُوا ۖ وَلِلنِّسَاءِ نَصِيبٌ مِّمَّا اكْتَسَبْنَ ۚ
وَاسْأَلُوا اللَّهَ مِن فَضْلِهِ ۚ إِنَّ اللَّهَ كَانَ بِكُلِّ شَيْءٍ
عَلِيمًا ﴿32﴾ وَلِكُلٍّ جَعَلْنَا مَوَالِيَ مِمَّا تَرَكَ الْوَالِدَانِ
وَالْأَقْرَبُونَ ۚ وَالَّذِينَ عَقَدَتْ أَيْمَانُكُمْ فَآتُوهُمْ
نَصِيبَهُمْ ۚ إِنَّ اللَّهَ كَانَ عَلَىٰ كُلِّ شَيْءٍ شَهِيدًا ﴿33﴾

27. Alla jrid idur lejkom bil-maħfra, iżda dawk li jimxu wara x-xewqat *(ħżiena)* jixtiqukom titbiegħdu ħafna *(minnu u taqbdu t-triq il-ħażina)*.

28. Alla jrid iħaffilkom *(it-toqol tagħkom b'liġijiet ħfief)*, għaliex il-bniedem inħalaq dgħajjef.

29. Intom li temmnu, la tiklux ġidkom bejnietkom bil-qerq *(u araw li ma tiksbux il-ġid)* ħlief meta jkun hemm *(bejnietkom)* kummerċ li taqblu dwaru. La toqtlux lilkom infuskom *(u lil xulxin)*! Alla tabilħaqq huwa *(dejjem)* Ħanin magħkom.

30. Min jagħmel hekk b'aggressjoni u b'inġustizzja, se naħarquh fin-Nar. Dan għal Alla huwa ħafif *(li jsir)*.

31. Jekk iżżommu 'l bogħod mill-akbar dnubiet li ma għandkomx tagħmlu, Aħna nsaffukom minn ħtijietkom u ndaħħlukom f'daħla ta' ġieħ.

32. U la tixxennqux għal dak li Alla ta lil uħud minnkom iżjed minn ħaddieħor. L-irġiel imisshom sehem minn dak li kisbu, u n-nisa jmisshom sehem minn dak li kisbu. Itolbu lil Alla *(jagħtikom)* mit-tjieba tiegħu *(minflok tgħiru għal xulxin)*. Alla tabilħaqq jaf b'kollox.

33. U għal kulħadd għamilna werrieta ta' dak li jħallu l-ġenituri u l-qraba. U agħtu sehemhom *(mill-wirt)* lil dawk li l-leminija tagħkom daħlet f'rabta magħhom. Alla tabilħaqq Xhud ta' kollox.

ٱلرِّجَالُ قَوَّٰمُونَ عَلَى ٱلنِّسَآءِ بِمَا فَضَّلَ ٱللَّهُ بَعْضَهُمْ
عَلَىٰ بَعْضٍ وَبِمَآ أَنفَقُوا۟ مِنْ أَمْوَٰلِهِمْ ۚ فَٱلصَّٰلِحَٰتُ
قَٰنِتَٰتٌ حَٰفِظَٰتٌ لِّلْغَيْبِ بِمَا حَفِظَ ٱللَّهُ ۚ وَٱلَّٰتِى تَخَافُونَ
نُشُوزَهُنَّ فَعِظُوهُنَّ وَٱهْجُرُوهُنَّ فِى ٱلْمَضَاجِعِ
وَٱضْرِبُوهُنَّ ۖ فَإِنْ أَطَعْنَكُمْ فَلَا تَبْغُوا۟ عَلَيْهِنَّ سَبِيلًا ۗ
إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ عَلِيًّا كَبِيرًا ﴿34﴾ وَإِنْ خِفْتُمْ شِقَاقَ
بَيْنِهِمَا فَٱبْعَثُوا۟ حَكَمًا مِّنْ أَهْلِهِۦ وَحَكَمًا مِّنْ أَهْلِهَآ إِن
يُرِيدَآ إِصْلَٰحًا يُوَفِّقِ ٱللَّهُ بَيْنَهُمَآ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ عَلِيمًا خَبِيرًا
﴿35﴾ ۞ وَٱعْبُدُوا۟ ٱللَّهَ وَلَا تُشْرِكُوا۟ بِهِۦ شَيْـًٔا ۖ وَبِٱلْوَٰلِدَيْنِ
إِحْسَٰنًا وَبِذِى ٱلْقُرْبَىٰ وَٱلْيَتَٰمَىٰ وَٱلْمَسَٰكِينِ وَٱلْجَارِ
ذِى ٱلْقُرْبَىٰ وَٱلْجَارِ ٱلْجُنُبِ وَٱلصَّاحِبِ بِٱلْجَنۢبِ
وَٱبْنِ ٱلسَّبِيلِ وَمَا مَلَكَتْ أَيْمَٰنُكُمْ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يُحِبُّ مَن
كَانَ مُخْتَالًا فَخُورًا ﴿36﴾ ٱلَّذِينَ يَبْخَلُونَ وَيَأْمُرُونَ
ٱلنَّاسَ بِٱلْبُخْلِ وَيَكْتُمُونَ مَآ ءَاتَىٰهُمُ ٱللَّهُ
مِن فَضْلِهِۦ ۗ وَأَعْتَدْنَا لِلْكَٰفِرِينَ عَذَابًا مُّهِينًا ﴿37﴾

ربع الحزب 9

34. L-irġiel jieħdu ħsieb lin-nisa minħabba li Alla lil dawn *(l-irġiel)* tahom aktar *(qawwa fil-ġisem u ħsieb għaqli 'l bogħod mill-emozzjoni)* mill-oħrajn *(min-nisa)*, u minħabba dak li jonfqu minn ġidhom. Għalhekk in-nisa t-twajba jobdu *(lil żwieġhom)* u, fin-nuqqas *(ta' żwieġhom)*, iħarsu dak li Alla jrid li jitħares *(il-pudur, darhom u ġidhom)*. Dawk in-nisa li tibżgħu mill-imġiba ħażina tagħhom, *(l-ewwel)* wissuhom, *(imbagħad jekk ma jisimgħux)* itilquhom waħidhom fis-sodod u *(fl-aħħarnett, jekk ma jisimgħux)* idorbuhom *(ħafif u b'mod simboliku, jekk dan isolvi l-problema)*. Jekk joqogħdu għalikom, tfittxux li *(tkomplu)* teħduha kontrihom. Alla tabilħaqq huwa Għoli u Kbir.

35. U jekk tibżgħu li jkun hemm tilwim u firda bejniethom *(bejn ir-raġel u martu)*, mela ibagħtu għal arbitru minn niesu u arbitru minn niesha. Jekk *(l-arbitri, jew il-koppja, ikunu)* iridu jsewwu, Alla jġib l-għaqda bejniethom it-tnejn. Alla jaf kollox *(dwar dawn il-ħwejjeġ)* u jaf sewwa *(bihom)*.

36. Qimu lil Alla, u la xxierku xejn miegħu, u ġibu rwieħkom tajjeb mal-ġenituri u mal-qraba, ma' l-iltiema, mal-foqra, mal-ġar qarib *(tagħkom)* u mal-ġar barrani *(għalikom)*, ma' seħibkom qrib tagħkom, ma' min iterraq, u ma' dawk *(l-ilsiera)* li għandkom fil-leminija tagħkom. Alla tabilħaqq ma jħobbx lill-imkabbar jew lill-faħħari.

37. *(Alla lanqas ma jħobb)* lil dawk li jixxaħħu, u jamru lin-nies ikunu xħah *(huma wkoll)* u jaħbu dak li tahom Alla mit-tjieba tiegħu. Għal dawk li ma jemmnux ħejjejna kastig ta' tkasbir.

وَٱلَّذِينَ يُنفِقُونَ أَمْوَٰلَهُمْ رِئَآءَ ٱلنَّاسِ وَلَا يُؤْمِنُونَ
بِٱللَّهِ وَلَا بِٱلْيَوْمِ ٱلْءَاخِرِ ۗ وَمَن يَكُنِ ٱلشَّيْطَٰنُ لَهُۥ قَرِينًا فَسَآءَ
قَرِينًا ﴿38﴾ وَمَاذَا عَلَيْهِمْ لَوْ ءَامَنُوا۟ بِٱللَّهِ وَٱلْيَوْمِ ٱلْءَاخِرِ وَأَنفَقُوا۟
مِمَّا رَزَقَهُمُ ٱللَّهُ ۚ وَكَانَ ٱللَّهُ بِهِمْ عَلِيمًا ﴿39﴾ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يَظْلِمُ
مِثْقَالَ ذَرَّةٍ ۖ وَإِن تَكُ حَسَنَةً يُضَٰعِفْهَا وَيُؤْتِ مِن لَّدُنْهُ
أَجْرًا عَظِيمًا ﴿40﴾ فَكَيْفَ إِذَا جِئْنَا مِن كُلِّ أُمَّةٍۭ بِشَهِيدٍ
وَجِئْنَا بِكَ عَلَىٰ هَٰٓؤُلَآءِ شَهِيدًا ﴿41﴾ يَوْمَئِذٍ يَوَدُّ ٱلَّذِينَ
كَفَرُوا۟ وَعَصَوُا۟ ٱلرَّسُولَ لَوْ تُسَوَّىٰ بِهِمُ ٱلْأَرْضُ وَلَا يَكْتُمُونَ
ٱللَّهَ حَدِيثًا ﴿42﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَا تَقْرَبُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ
وَأَنتُمْ سُكَٰرَىٰ حَتَّىٰ تَعْلَمُوا۟ مَا تَقُولُونَ وَلَا جُنُبًا إِلَّا عَابِرِى
سَبِيلٍ حَتَّىٰ تَغْتَسِلُوا۟ ۚ وَإِن كُنتُم مَّرْضَىٰٓ أَوْ عَلَىٰ سَفَرٍ أَوْ جَآءَ
أَحَدٌ مِّنكُم مِّنَ ٱلْغَآئِطِ أَوْ لَٰمَسْتُمُ ٱلنِّسَآءَ فَلَمْ تَجِدُوا۟ مَآءً
فَتَيَمَّمُوا۟ صَعِيدًا طَيِّبًا فَٱمْسَحُوا۟ بِوُجُوهِكُمْ وَأَيْدِيكُمْ ۗ إِنَّ
ٱللَّهَ كَانَ عَفُوًّا غَفُورًا ﴿43﴾ أَلَمْ تَرَ إِلَى ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ نَصِيبًا مِّنَ
ٱلْكِتَٰبِ يَشْتَرُونَ ٱلضَّلَٰلَةَ وَيُرِيدُونَ أَن تَضِلُّوا۟ ٱلسَّبِيلَ ﴿44﴾

38. *(Lanqas ma jħobb)* lil dawk *(ta' wiċċ b'ieħor)* li jonfqu ġidhom għal għajnejn in-nies, u ma jemmnux f'Alla u lanqas fl-Aħħar Jum. Dak li x-Xitan huwa s-sieħeb *(tiegħu, ma jistax ikollu)* sieħeb aġħar minnu.

39. X'kienu se jitilfu li kieku emmnu f'Alla u fl-Aħħar Jum, u nefqu *(fil-ġid)* minn dak li tahom Alla. Alla jaf kollox dwarhom.

40. Alla ma jonqos *(lejn ħadd, lanqas)* bit-toqol ta' farka. U jekk ikun *(sar)* xi ġid, *(arah)* ikattru għal ħafna drabi, u jagħti mingħandu ħlas kbir.

41. U kif *(ikunu l-ħżiena, u x'se jiġri minnhom f'Jum il-Qawmien)* meta nġibu xhud minn kull ġens, u nġibuk *(Muħammad)* xhud kontra dawn *(in-nies)*?

42. Dakinhar *(tal-Ġudizzju)* dawk li ma jemmnux u ma jobdux lill-Mibgħut *(Muħammad)* ikunu jixtiequ li kieku l-art titwaħħad magħhom *(u jindifnu fiha)*, iżda xejn ma *(jkunu jistgħu)* jaħbu miħn Alla.

43. Intom li temmnu, la toqorbux lejn it-talb meta intom fis-sakra, sa ma *(tgħaddilkom is-sakra)* u tkunu tafu x'qegħdin tgħidu, u lanqas meta tkunu mniġġsin *(minħabba relazzjoni sesswali jew minħabba tnixxija ta' sperma)*, ħlief meta tkunu qegħdin itterrqu *(u tgħaddu mill-moskea)*, sa ma tinħaslu. Jekk tkunu morda *(u l-ħasil bl-ilma ma jagħmlilkomx tajjeb)*, jew f'safar, jew xi ħadd minnkom ġie lura mill-ħtiġijiet naturali tiegħu, jew missejtu n-nisa *(sesswalment)* u ma ssibux ilma, mela fittxu *(ssaffu)* b'ramel *(jew trab)* safi u imsħu bih l-uċuħ tagħkom u idejkom. Alla tabilħaqq iħassar id-dnubiet u Kollu Maħfra.

44. Mela ma rajtx *(Muħammad)* lil dawk li ngħataw sehem mill-Ktieb *(it-Torā)*? *(Arahom, il-qassisin tal-Lhud)* jixtru t-telfien, u jixtiequ li intom *(il-Misilmin)* toħorġu mit-triq *(it-tajba)*.

وَاللَّهُ أَعْلَمُ بِأَعْدَائِكُمْ ۚ وَكَفَىٰ بِاللَّهِ وَلِيًّا وَكَفَىٰ بِاللَّهِ نَصِيرًا ﴿45﴾
مِّنَ الَّذِينَ هَادُوا يُحَرِّفُونَ الْكَلِمَ عَن مَّوَاضِعِهِ وَيَقُولُونَ
سَمِعْنَا وَعَصَيْنَا وَاسْمَعْ غَيْرَ مُسْمَعٍ وَرَاعِنَا لَيًّا بِأَلْسِنَتِهِمْ
وَطَعْنًا فِي الدِّينِ ۚ وَلَوْ أَنَّهُمْ قَالُوا سَمِعْنَا وَأَطَعْنَا وَاسْمَعْ وَانظُرْنَا
لَكَانَ خَيْرًا لَّهُمْ وَأَقْوَمَ وَلَٰكِن لَّعَنَهُمُ اللَّهُ بِكُفْرِهِمْ فَلَا يُؤْمِنُونَ
إِلَّا قَلِيلًا ﴿46﴾ يَا أَيُّهَا الَّذِينَ أُوتُوا الْكِتَابَ آمِنُوا بِمَا نَزَّلْنَا
مُصَدِّقًا لِّمَا مَعَكُم مِّن قَبْلِ أَن نَّطْمِسَ وُجُوهًا فَنَرُدَّهَا
عَلَىٰ أَدْبَارِهَا أَوْ نَلْعَنَهُمْ كَمَا لَعَنَّا أَصْحَابَ السَّبْتِ ۚ وَكَانَ أَمْرُ
اللَّهِ مَفْعُولًا ﴿47﴾ إِنَّ اللَّهَ لَا يَغْفِرُ أَن يُشْرَكَ بِهِ وَيَغْفِرُ مَا دُونَ
ذَٰلِكَ لِمَن يَشَاءُ ۚ وَمَن يُشْرِكْ بِاللَّهِ فَقَدِ افْتَرَىٰ إِثْمًا عَظِيمًا
﴿48﴾ أَلَمْ تَرَ إِلَى الَّذِينَ يُزَكُّونَ أَنفُسَهُم ۚ بَلِ اللَّهُ يُزَكِّي مَن يَشَاءُ
وَلَا يُظْلَمُونَ فَتِيلًا ﴿49﴾ انظُرْ كَيْفَ يَفْتَرُونَ عَلَى اللَّهِ الْكَذِبَ ۖ
وَكَفَىٰ بِهِ إِثْمًا مُّبِينًا ﴿50﴾ أَلَمْ تَرَ إِلَى الَّذِينَ أُوتُوا نَصِيبًا
مِّنَ الْكِتَابِ يُؤْمِنُونَ بِالْجِبْتِ وَالطَّاغُوتِ وَيَقُولُونَ
لِلَّذِينَ كَفَرُوا هَٰؤُلَاءِ أَهْدَىٰ مِنَ الَّذِينَ آمَنُوا سَبِيلًا ﴿51﴾

45. Iżda Alla jaf l-aktar bl-għedewwa tagħkom. Alla huwa biżżejjed *(għalikom)* biex iħariskom, u Alla huwa biżżejjed *(għalikom)* biex jgħinkom.

46. Uħud mil-Lhud jgħawġu l-kliem *(tat-Torā u jaqilgħuh)* minn postu u jgħidu: "Smajna *(Muħammad, dak li għedt)*, iżda ma nobdux!" *(U jgħidu)* "Isma' *(dak li qed ngħidulek)*, bla ma tisma' *(għax nixtiquk tittarrax)*." *(Jgħidu wkoll kliem imħawwad bħal)* "*Rāgħinā*!" *(li taħsbu jfisser "ħu ħsiebna", iżda għalihom għandu tifsira ħażina)*, b'tagħwiġ fi lsienhom, u b'żebliħ għar-reliġjon. U li kieku qalu: "Smajna u obdejna," u "Isma' u ħares lejna," kien ikun aħjar għalihom, u aktar xieraq. Iżda Alla seħethom tan-nuqqas ta' twemmin tagħhom, u ftit huma *(dawk fosthom)* li jemmnu.

47. Intom *(il-Lhud)* li ngħatajtu l-Ktieb, emmnu f'dak li niżżilna *(il-Qoran)* li jseddaq dak li diġà għandkom, qabel ma nħassru xi wċuħ u naqilbuhom ta' wara quddiem *(biex ma jingħarfux)*, jew nishtuhom bħalma shetna lil dawk li kisru s-Sibt *(u ħadu l-għamla ta' xadini)*. L-amar ta' Alla jrid iseħħ!

48. Alla tabilħaqq ma jaħfirx li jixxierek *(ma' ħaddieħor)*, iżda jaħfer dak li huwa anqas minn hekk, lil min irid Hu. Min ixierek ma' Alla, ikun għamel dnub mill-kbar.

49. Mela ma rajtx dawk *(il-Lhud)* li jgħidu li huma safjin *(u jiftaħru li huma wlied Alla)*? Le! Huwa Alla li jsaffi lil min irid, u ma jmorru minn taħt lanqas b'ħarira.[36]

50. Ara *(Muħammad)* kif jaqilgħu l-gideb dwar Alla *(u jgħidu li huma l-ulied għeżież tiegħu)*! Dan huwa biżżejjed *(biex jitqisilhom bħala)* dnub mill-aktar ċar.

51. Mela ma rajtx dawk *(il-Lhud)* li ngħataw sehem mill-Ktieb *(it-Torā)*? *(Madanakollu)* huma jemmnu fl-idoli u fl-allat foloz, u lil dawk *(il-pagani ta' Mekka)* li ma jemmnux jgħidu li dawn huma aktar fit-triq it-tajba *(mill-Misilmin)* li jemmnu!

---

[36] Fl-oriġinal *fatīlan* tfisser "il-qoxra żgħira ħafna u rqiqa f'nofs għadma ta' tamra." Fil-kuntest ta' dan il-vers, il-kelma tfisser "xi ħaġa tassew żgħira".

أُولَٰئِكَ الَّذِينَ لَعَنَهُمُ اللَّهُ ۖ وَمَن يَلْعَنِ اللَّهُ فَلَن تَجِدَ لَهُ نَصِيرًا ﴿52﴾
أَمْ لَهُمْ نَصِيبٌ مِّنَ الْمُلْكِ فَإِذًا لَّا يُؤْتُونَ النَّاسَ نَقِيرًا ﴿53﴾ أَمْ
يَحْسُدُونَ النَّاسَ عَلَىٰ مَا آتَاهُمُ اللَّهُ مِن فَضْلِهِ ۖ فَقَدْ آتَيْنَا
آلَ إِبْرَاهِيمَ الْكِتَابَ وَالْحِكْمَةَ وَآتَيْنَاهُم مُّلْكًا عَظِيمًا ﴿54﴾
فَمِنْهُم مَّنْ آمَنَ بِهِ وَمِنْهُم مَّن صَدَّ عَنْهُ ۚ وَكَفَىٰ بِجَهَنَّمَ سَعِيرًا
﴿55﴾ إِنَّ الَّذِينَ كَفَرُوا بِآيَاتِنَا سَوْفَ نُصْلِيهِمْ نَارًا كُلَّمَا نَضِجَتْ
جُلُودُهُم بَدَّلْنَاهُمْ جُلُودًا غَيْرَهَا لِيَذُوقُوا الْعَذَابَ ۗ إِنَّ اللَّهَ
كَانَ عَزِيزًا حَكِيمًا ﴿56﴾ وَالَّذِينَ آمَنُوا وَعَمِلُوا الصَّالِحَاتِ
سَنُدْخِلُهُمْ جَنَّاتٍ تَجْرِي مِن تَحْتِهَا الْأَنْهَارُ خَالِدِينَ فِيهَا أَبَدًا ۖ
لَّهُمْ فِيهَا أَزْوَاجٌ مُّطَهَّرَةٌ ۖ وَنُدْخِلُهُمْ ظِلًّا ظَلِيلًا ﴿57﴾ ۞ إِنَّ
اللَّهَ يَأْمُرُكُمْ أَن تُؤَدُّوا الْأَمَانَاتِ إِلَىٰ أَهْلِهَا وَإِذَا حَكَمْتُم بَيْنَ
النَّاسِ أَن تَحْكُمُوا بِالْعَدْلِ ۚ إِنَّ اللَّهَ نِعِمَّا يَعِظُكُم بِهِ ۗ إِنَّ اللَّهَ كَانَ سَمِيعًا
بَصِيرًا ﴿58﴾ يَا أَيُّهَا الَّذِينَ آمَنُوا أَطِيعُوا اللَّهَ وَأَطِيعُوا الرَّسُولَ وَأُولِي
الْأَمْرِ مِنكُمْ ۖ فَإِن تَنَازَعْتُمْ فِي شَيْءٍ فَرُدُّوهُ إِلَى اللَّهِ وَالرَّسُولِ إِن كُنتُمْ
تُؤْمِنُونَ بِاللَّهِ وَالْيَوْمِ الْآخِرِ ۚ ذَٰلِكَ خَيْرٌ وَأَحْسَنُ تَأْوِيلًا ﴿59﴾

نصف الحزب 9

52. Dawk huma *(in-nies)* li Alla seħethom *(u begħedhom mill-ħniena tiegħu)*, u lil min Alla jisħet, inti *(Muħammad)* ma ssiblux min jgħinu.

53. Jaqaw għandhom sehem mis-saltna? Kieku *(fix-xeħħa kbira tagħhom)* lanqas naqra ta' għadma ta' tamra ma jagħtu lin-nies.[37]

54. Jaqaw jgħiru għan-nies minħabba dak li Alla tahom mit-tjieba tiegħu? Aħna tajna lil nies Abraham il-Ktieb u l-għerf, u tajniehom saltna mill-aktar kbira.

55. *(Kien hemm)* minnhom li emmnu fih *(fil-Ktieb)*, u kien hemm minnhom li warrbu minnu. L-Infern biżżejjed *(għalihom)* biex jinħarqu *(fih)*.

56. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux fis-sinjali tagħna se naħarquhom fin-Nar, u kull darba li l-ġilda tagħhom tinxtewa, Aħna nbiddluhielhom b'ġilda oħra biex iduqu l-kastig. Alla huwa tabilħaqq Qawwi u Għaref.

57. Dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba se ndaħħluhom f'Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom jgħammru għal dejjem. Fihom ikollhom nisa safjin *(f'kollox)*, u ndaħħluhom f'dell li jdellel *(fuqhom għal dejjem)*.

58. Alla tabilħaqq jamrilkom troddu lura lil shabhom dak li fdawkom bih u ħallewh għandkom, u jekk tagħmlu ħaqq min-nies, agħmlu ħaqq bil-ġustizzja. Tabilħaqq ma hawnx aħjar mit-twissija ta' Alla! Tabilħaqq Alla jisma' kollox u jara kollox.

59. Intom li temmnu, obdu lil Alla u obdu lill-Mibgħut *(tiegħu)*, u lil dawk minnkom li għandhom l-awtorità. Jekk titlewmu dwar xi ħaġa, għadduha lil Alla u lill-Mibgħut *(tiegħu)*, jekk temmnu f'Alla u fl-Aħħar Jum. Dan *(l-għemil)* huwa l-aħjar u l-aktar *(ħaġa)* xierqa *(biex tmorru tajjeb bejnietkom)*.

---

[37] Ara l-vers numru 49 ta' din is-sura kif ukoll in-nota numru 36 hawn fuq.

أَلَمْ تَرَ إِلَى ٱلَّذِينَ يَزْعُمُونَ أَنَّهُمْ ءَامَنُوا۟ بِمَآ أُنزِلَ إِلَيْكَ
وَمَآ أُنزِلَ مِن قَبْلِكَ يُرِيدُونَ أَن يَتَحَاكَمُوٓا۟ إِلَى ٱلطَّٰغُوتِ
وَقَدْ أُمِرُوٓا۟ أَن يَكْفُرُوا۟ بِهِۦ وَيُرِيدُ ٱلشَّيْطَٰنُ أَن يُضِلَّهُمْ
ضَلَٰلًۢا بَعِيدًا ﴿60﴾ وَإِذَا قِيلَ لَهُمْ تَعَالَوْا۟ إِلَىٰ مَآ أَنزَلَ
ٱللَّهُ وَإِلَى ٱلرَّسُولِ رَأَيْتَ ٱلْمُنَٰفِقِينَ يَصُدُّونَ عَنكَ
صُدُودًا ﴿61﴾ فَكَيْفَ إِذَآ أَصَٰبَتْهُم مُّصِيبَةٌۢ بِمَا
قَدَّمَتْ أَيْدِيهِمْ ثُمَّ جَآءُوكَ يَحْلِفُونَ بِٱللَّهِ إِنْ أَرَدْنَآ إِلَّآ
إِحْسَٰنًا وَتَوْفِيقًا ﴿62﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ يَعْلَمُ ٱللَّهُ مَا
فِى قُلُوبِهِمْ فَأَعْرِضْ عَنْهُمْ وَعِظْهُمْ وَقُل لَّهُمْ فِىٓ
أَنفُسِهِمْ قَوْلًۢا بَلِيغًا ﴿63﴾ وَمَآ أَرْسَلْنَا مِن رَّسُولٍ إِلَّا
لِيُطَاعَ بِإِذْنِ ٱللَّهِ ۚ وَلَوْ أَنَّهُمْ إِذ ظَّلَمُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ
جَآءُوكَ فَٱسْتَغْفَرُوا۟ ٱللَّهَ وَٱسْتَغْفَرَ لَهُمُ ٱلرَّسُولُ
لَوَجَدُوا۟ ٱللَّهَ تَوَّابًا رَّحِيمًا ﴿64﴾ فَلَا وَرَبِّكَ لَا يُؤْمِنُونَ
حَتَّىٰ يُحَكِّمُوكَ فِيمَا شَجَرَ بَيْنَهُمْ ثُمَّ لَا يَجِدُوا۟
فِىٓ أَنفُسِهِمْ حَرَجًا مِّمَّا قَضَيْتَ وَيُسَلِّمُوا۟ تَسْلِيمًا ﴿65﴾

60. Mela ma rajtx lil dawk li jgħidu li jemmnu f'dak li tniżżel lilek *(Muħammad, il-Qoran)* u f'dak li tniżżel qablek *(it-Torā u l-Evanġelju)*. *(Madanakollu)* huma jridu li *(fit-tilwim ta' bejniethom)* joqogħdu għall-ġudizzju ta' l-allat, għalkemm kellhom l-amar biex jiċħduhom? Ix-Xitan irid itellifhom *(it-triq it-tajba)* u jbegħedhom ħafna *(minnha)*.

61. U meta jintqalilhom *(lil ta' wiċċ b'ieħor)*: "Ejjew lejn dak li Alla niżżel *(il-Qoran)* u lejn il-Mibgħut *(tiegħu)*," tara lil dawk ta' wiċċ b'ieħor iwarrbu minnek għal kollox.

62. Mela kif *(se tkun il-qagħda tagħhom)* meta jiġihom xi għawġ li ġabu b'idejhom? Imbagħad *(tarahom)* ġejjin għandek, jaħilfu b'Alla *(u jgħidu)*: "Aħna ridna biss ġid u tjieba, u *(li nġibu)* tiswija u għaqda *(fost in-nies)*."

63. Dawk huma li Alla jaf *(sewwa)* b'dak li għandhom fi qlubhom. Mela tbiegħed minnhom, wissihom u għidilhom dwar ruħhom kliem ċar *(li jqanqal)*.

64. Aħna ma bgħatna ebda Mibgħut jekk mhux biex ikun obdut, bir-rieda ta' Alla. Li kieku *(dawk ta' wiċċ b'ieħor)*, meta naqsu lejhom infushom *(għaliex ma semgħux kliemek u l-ġudizzju tiegħek, Muħammad)*, ġewk jitolbu l-maħfra ta' Alla, u l-Mibgħut kien jitlob maħfra għalihom, huma kienu jsibu lil Alla jdur Kollu Maħfra u Ħanin.

65. Iżda le – naħlef fuq Sidek – ma jemmnux *(għal kollox fik, Muħammad)* qabel ma jqabbduk tagħmel ħaqq fit-tilwim ta' bejniethom. Imbagħad ma jsibux fihom infushom ebda diqa għal dak li tkun qtajt, u *(jkunu lesti)* joqogħdu għalih għal kollox.

وَلَوْ أَنَّا كَتَبْنَا عَلَيْهِمْ أَنِ اقْتُلُوٓا۟ أَنفُسَكُمْ أَوِ اخْرُجُوا۟ مِن
دِيَٰرِكُم مَّا فَعَلُوهُ إِلَّا قَلِيلٌ مِّنْهُمْ ۖ وَلَوْ أَنَّهُمْ فَعَلُوا۟ مَا يُوعَظُونَ
بِهِۦ لَكَانَ خَيْرًا لَّهُمْ وَأَشَدَّ تَثْبِيتًا ﴿66﴾ وَإِذًا لَّـَٔاتَيْنَٰهُم مِّن
لَّدُنَّآ أَجْرًا عَظِيمًا ﴿67﴾ وَلَهَدَيْنَٰهُمْ صِرَٰطًا مُّسْتَقِيمًا ﴿68﴾
وَمَن يُطِعِ ٱللَّهَ وَٱلرَّسُولَ فَأُو۟لَٰٓئِكَ مَعَ ٱلَّذِينَ أَنْعَمَ ٱللَّهُ عَلَيْهِم
مِّنَ ٱلنَّبِيِّـۧنَ وَٱلصِّدِّيقِينَ وَٱلشُّهَدَآءِ وَٱلصَّٰلِحِينَ ۚ وَحَسُنَ
أُو۟لَٰٓئِكَ رَفِيقًا ﴿69﴾ ذَٰلِكَ ٱلْفَضْلُ مِنَ ٱللَّهِ ۚ وَكَفَىٰ
بِٱللَّهِ عَلِيمًا ﴿70﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ خُذُوا۟ حِذْرَكُمْ
فَٱنفِرُوا۟ ثُبَاتٍ أَوِ ٱنفِرُوا۟ جَمِيعًا ﴿71﴾ وَإِنَّ مِنكُمْ لَمَن لَّيُبَطِّئَنَّ
فَإِنْ أَصَٰبَتْكُم مُّصِيبَةٌ قَالَ قَدْ أَنْعَمَ ٱللَّهُ عَلَىَّ إِذْ لَمْ أَكُن مَّعَهُمْ
شَهِيدًا ﴿72﴾ وَلَئِنْ أَصَٰبَكُمْ فَضْلٌ مِّنَ ٱللَّهِ لَيَقُولَنَّ كَأَن
لَّمْ تَكُۢنۢ بَيْنَكُمْ وَبَيْنَهُۥ مَوَدَّةٌ يَٰلَيْتَنِى كُنتُ مَعَهُمْ فَأَفُوزَ
فَوْزًا عَظِيمًا ﴿73﴾ ۞ فَلْيُقَٰتِلْ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ ٱلَّذِينَ
يَشْرُونَ ٱلْحَيَوٰةَ ٱلدُّنْيَا بِٱلْـَٔاخِرَةِ ۚ وَمَن يُقَٰتِلْ فِى
سَبِيلِ ٱللَّهِ فَيُقْتَلْ أَوْ يَغْلِبْ فَسَوْفَ نُؤْتِيهِ أَجْرًا عَظِيمًا ﴿74﴾

ثلاثة أرباع الحزب 9

66. Li kieku tajniehom l-amar *(lil ta' wiċċ b'ieħor, bħalma konna amarna lil ta' qabilhom, u għednielhom)*: "Oqtlu lilkom infuskom *(jiġifieri tqatlu għal Alla)*!" jew "Oħorġu minn djarkom *(u minn artkom)*!" ftit minnhom kienu jagħmlu dan. U li kieku għamlu dak li kienu mwissija, kien ikun aħjar għalihom u jsaħħaħhom aktar *(fit-twemmin tagħhom)*.

67. Imbagħad konna nagħtuhom ħlas mill-aktar kbir, mingħandna,

68. u konna nuruhom *(u nqabbduhom)* triq dritta.

69. Min joqgħod għal Alla u għall-Mibgħut *(tiegħu)*, ikun ma' dawk li Alla wera t-tjieba tiegħu magħhom minn fost il-Profeti, dawk li jħobbu s-sewwa *(f'kollox)*, il-martri u t-twajbin. Mill-aħjar tassew dik is-sħubija!

70. Dik hija t-tjieba minn Alla, u huwa biżżejjed li Alla jaf kollox.

71. Intom li temmnu, moħħkom hemm! Oħorġu *(għat-taqbid)* fi qtajja', jew oħorġu lkoll flimkien.

72. Tabilħaqq li fostkom hemm min joqgħod lura *(mit-taqbid)*, u jekk jiġrilkom xi għawġ, *(ikun hemm min)* jgħid: "Alla wera t-tjieba tiegħu fuqi għaliex ma kontx xhud magħhom."

73. Iżda jekk issibkom tjieba minn Alla *(għaliex toħorġu rebbiħin u tiksbu ħafna priża tal-gwerra)*, żgur li *(dak ta' wiċċ b'ieħor)* jgħid – bħallikieku ma kienx hemm imħabba bejnkom u bejnu: "Kemm nixtieqni kont magħhom, għaliex kont nirbaħ rebħa mill-akbar!"

74. Ħalli jitqatlu għal Alla dawk li jbigħu l-ħajja ta' din id-dinja biex jiksbu *(il-ħajja)* l-Oħra! Min jitqatel għal Alla, sew jekk jinqatel u sew jekk jegħleb *(lill-għadu tiegħu)*, se nagħtuh ħlas mill-akbar.

وَمَا لَكُمْ لَا تُقَٰتِلُونَ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ وَٱلْمُسْتَضْعَفِينَ مِنَ ٱلرِّجَالِ
وَٱلنِّسَآءِ وَٱلْوِلْدَٰنِ ٱلَّذِينَ يَقُولُونَ رَبَّنَآ أَخْرِجْنَا مِنْ هَٰذِهِ ٱلْقَرْيَةِ
ٱلظَّالِمِ أَهْلُهَا وَٱجْعَل لَّنَا مِن لَّدُنكَ وَلِيًّا وَٱجْعَل لَّنَا مِن لَّدُنكَ
نَصِيرًا ﴿75﴾ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ يُقَٰتِلُونَ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ ۖ وَٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟
يُقَٰتِلُونَ فِى سَبِيلِ ٱلطَّٰغُوتِ فَقَٰتِلُوٓا۟ أَوْلِيَآءَ ٱلشَّيْطَٰنِ ۖ إِنَّ كَيْدَ
ٱلشَّيْطَٰنِ كَانَ ضَعِيفًا ﴿76﴾ أَلَمْ تَرَ إِلَى ٱلَّذِينَ قِيلَ لَهُمْ كُفُّوٓا۟ أَيْدِيَكُمْ
وَأَقِيمُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ وَءَاتُوا۟ ٱلزَّكَوٰةَ فَلَمَّا كُتِبَ عَلَيْهِمُ ٱلْقِتَالُ إِذَا فَرِيقٌ
مِّنْهُمْ يَخْشَوْنَ ٱلنَّاسَ كَخَشْيَةِ ٱللَّهِ أَوْ أَشَدَّ خَشْيَةً ۚ وَقَالُوا۟ رَبَّنَا لِمَ
كَتَبْتَ عَلَيْنَا ٱلْقِتَالَ لَوْلَآ أَخَّرْتَنَآ إِلَىٰٓ أَجَلٍ قَرِيبٍ ۗ قُلْ مَتَٰعُ ٱلدُّنْيَا
قَلِيلٌ وَٱلْءَاخِرَةُ خَيْرٌ لِّمَنِ ٱتَّقَىٰ وَلَا تُظْلَمُونَ فَتِيلًا ﴿77﴾ أَيْنَمَا
تَكُونُوا۟ يُدْرِككُّمُ ٱلْمَوْتُ وَلَوْ كُنتُمْ فِى بُرُوجٍ مُّشَيَّدَةٍ ۗ وَإِن تُصِبْهُمْ
حَسَنَةٌ يَقُولُوا۟ هَٰذِهِۦ مِنْ عِندِ ٱللَّهِ ۖ وَإِن تُصِبْهُمْ سَيِّئَةٌ يَقُولُوا۟
هَٰذِهِۦ مِنْ عِندِكَ ۚ قُلْ كُلٌّ مِّنْ عِندِ ٱللَّهِ ۖ فَمَالِ هَٰٓؤُلَآءِ ٱلْقَوْمِ لَا يَكَادُونَ
يَفْقَهُونَ حَدِيثًا ﴿78﴾ مَّآ أَصَابَكَ مِنْ حَسَنَةٍ فَمِنَ ٱللَّهِ ۖ وَمَآ أَصَابَكَ مِن
سَيِّئَةٍ فَمِن نَّفْسِكَ ۚ وَأَرْسَلْنَٰكَ لِلنَّاسِ رَسُولًا ۚ وَكَفَىٰ بِٱللَّهِ شَهِيدًا ﴿79﴾

75. U *(intom li temmnu)* għaliex ma għandkomx titqatlu għal Alla u għad-dgħajfin fost l-irġiel, in-nisa, u t-tfal *(li huma miżmumin mill-pagani milli jħallu Mekka u)* li jgħidu: "Sidna, oħroġna minn din il-belt *(pagana ta' Mekka)*, li niesha huma mill-agħar *(u jħabirku wisq biex jeqirdu l-Islam)*. Ibagħtilna mingħandek min iħarisna, u ibagħtilna mingħandek min jgħinna!"

76. Dawk li jemmnu jitqatlu għal Alla, u dawk li ma jemmnux jitqatlu għall-allat foloz. Mela *(intom il-ħbieb ta' Alla)* tqatlu kontra ħbieb ix-Xitan. Tabilħaqq li l-qerq tax-Xitan huwa dgħajjef.

77. Mela ma rajtx *(Muħammad)* lil dawk li ntqalilhom: "Żommu idejkom *(u titqatlux, għaliex għadu mhux iż-żmien)*, u agħmlu t-talb u agħtu l-karità!" Meta *(wara xi żmien)* inkitbilhom li għandhom jitqatlu *(kontra l-pagani ta' Mekka)*, ġara li ġemgħa minnhom beżgħu min-nies *(għedewwa tagħhom)*, bħalma *(kellu jkun)* il-biża' *(tagħhom)* minn Alla, u aktar imbeżżgħin minn hekk. Huma qalu: "Sidna, għaliex ktibtilna li għandna nitqatlu? Ma tistax forsi tagħtina ftit żmien ieħor?" Għid*(ilhom Muħammad)*: "It-tgawdija tad-dinja hija *(tassew)* qasira, u *(il-Ħajja)* l-Oħra hija *(wisq)* aħjar għal min jibża' minn Alla, u *(fil-ħlas li jingħatalkom)* ma tmorru minn taħt lanqas b'ħarira.

78. Tkunu fejn tkunu, il-mewt tilħaqkom; saħansitra jekk *(tistkennu)* f'torrijiet għoljin!" U jekk *(lil ta' wiċċ b'ieħor)* tmisshom xi ħaġa tajba, jgħidu: "Din minn Alla," iżda jekk tmisshom xi ħaġa ħażina, jgħidu: "Din mingħandek *(Muħammad)*!" Għid*(ilhom Muħammad)*: "Kollox *(jiġi)* mingħand Alla!" Iżda x'għandhom dawn in-nies biex ma jistgħu jifhmu xejn?

79. Kull ħaġa tajba li tiġik *(ja Profeta, u int, ja bniedem)* hija minn Alla, u kull ħaġa ħażina li tiġrilek hija minnek innifsek *(minħabba d-dnub tiegħek)*. U Aħna bgħatniek *(Muħammad)* bħala Mibgħut lin-nies, u Alla huwa biżżejjed *(għalikom)* bħala Xhud *(ta' dan)*.

مَّن يُطِعِ ٱلرَّسُولَ فَقَدْ أَطَاعَ ٱللَّهَ ۖ وَمَن تَوَلَّىٰ فَمَآ أَرْسَلْنَٰكَ
عَلَيْهِمْ حَفِيظًا ﴿80﴾ وَيَقُولُونَ طَاعَةٌ فَإِذَا بَرَزُوا۟ مِنْ
عِندِكَ بَيَّتَ طَآئِفَةٌ مِّنْهُمْ غَيْرَ ٱلَّذِى تَقُولُ ۖ وَٱللَّهُ يَكْتُبُ
مَا يُبَيِّتُونَ ۖ فَأَعْرِضْ عَنْهُمْ وَتَوَكَّلْ عَلَى ٱللَّهِ ۚ وَكَفَىٰ بِٱللَّهِ وَكِيلًا
﴿81﴾ أَفَلَا يَتَدَبَّرُونَ ٱلْقُرْءَانَ ۚ وَلَوْ كَانَ مِنْ عِندِ غَيْرِ ٱللَّهِ لَوَجَدُوا۟
فِيهِ ٱخْتِلَٰفًا كَثِيرًا ﴿82﴾ وَإِذَا جَآءَهُمْ أَمْرٌ مِّنَ ٱلْأَمْنِ
أَوِ ٱلْخَوْفِ أَذَاعُوا۟ بِهِۦ ۖ وَلَوْ رَدُّوهُ إِلَى ٱلرَّسُولِ وَإِلَىٰٓ أُو۟لِى
ٱلْأَمْرِ مِنْهُمْ لَعَلِمَهُ ٱلَّذِينَ يَسْتَنۢبِطُونَهُۥ مِنْهُمْ ۗ وَلَوْلَا فَضْلُ
ٱللَّهِ عَلَيْكُمْ وَرَحْمَتُهُۥ لَٱتَّبَعْتُمُ ٱلشَّيْطَٰنَ إِلَّا قَلِيلًا ﴿83﴾
فَقَٰتِلْ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ ۚ لَا تُكَلَّفُ إِلَّا نَفْسَكَ ۚ وَحَرِّضِ ٱلْمُؤْمِنِينَ ۖ
عَسَى ٱللَّهُ أَن يَكُفَّ بَأْسَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ ۚ وَٱللَّهُ أَشَدُّ بَأْسًا
وَأَشَدُّ تَنكِيلًا ﴿84﴾ مَّن يَشْفَعْ شَفَٰعَةً حَسَنَةً يَكُن لَّهُۥ
نَصِيبٌ مِّنْهَا ۖ وَمَن يَشْفَعْ شَفَٰعَةً سَيِّئَةً يَكُن لَّهُۥ كِفْلٌ مِّنْهَا ۗ
وَكَانَ ٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ مُّقِيتًا ﴿85﴾ وَإِذَا حُيِّيتُم بِتَحِيَّةٍ فَحَيُّوا۟
بِأَحْسَنَ مِنْهَآ أَوْ رُدُّوهَا ۗ إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ حَسِيبًا ﴿86﴾

80. Min jobdi lill-Mibgħut *(ta' Alla, lil Muħammad)* ikun qiegħed jobdi lil Alla, iżda dawk li jagħtu daharhom *(u ma jagħtux widen, ftakar, Muħammad, li)* Aħna ma bgħatniekx għassies fuqhom.

81. Jgħidu *(ta' wiċċ b'ieħor)*: "*(Aħna nuru)* ubbidjenza." Iżda meta jitilqu mingħandek *(Muħammad)*, ġemgħa minnhom tgħaddi l-lejl tnassas *(fuq kif se tagħmel)* dak li inti ma tgħidx *(li għandu jsir)*. Alla jikteb dak li huma jnassu billejl. Mela tbiegħed minnhom u ħalli f'idejn Alla. Alla huwa biżżejjed *(għalikom)* biex tħallu f'idejh.

82. Jaqaw ma jixtarrux il-Qoran? Kieku *(il-Qoran)* kien *(imniżżel)* mingħand ħaddieħor għajr Alla, kieku kienu jsibu fih ħafna li ma jaqbilx.

83. Meta *(lil ta' wiċċ b'ieħor)* jiġihom l-aħbar *(dwar)* is-sigurtà *(fost dawk li emmnu minħabba r-rebħa fuq l-għedewwa tagħhom)*, jew *(l-aħbar dwar)* il-biża' *(li waqa' fost dawk li emmnu meta jġarrbu t-telfa, arahom)* ixandruh. U li kieku *(dawn l-aħbarijiet)* għaddewhom lill-Mibgħut, jew lil min għandu s-setgħa fosthom, *(qabel ma jxandruhom)*, dawk li *(jafu)* jistħarrġu *(is-sewwa)* kienu jkunu jafuhom *(u jafu jekk kellhomx jixxandru jew le)*. U li mhux għat-tjieba u l-ħniena ta' Alla fuqkom, kontu timxu wara x-Xitan, għajr għal ftit *(minnkom)*.

84. Mela tqatel *(Muħammad)* għal Alla. Inti mitlub twieġeb għalik innifsek biss. Ħeġġeġ lil dawk li jemmnu *(biex huma wkoll jitqatlu)*. Jista' jkun li Alla jrażżan il-qawwa ta' dawk li ma jemmnux. Alla huwa eqqel fil-qawwa u eqqel fil-kastig.

85. Min jidħol għal xi ħadd, jew jgħin f'xi ħaġa tajba, ikollu sehem minnha *(mill-premju tagħha)*, u min jidħol għal xi ħadd, jew jgħin f'xi ħaġa ħażina, ikollu sehem minnha *(mill-kastig tagħha)*. Alla jieħu ħsieb kollox.

86. Meta jsellmulkom b'tislima, sellmu b'aħjar minnha, jew *(għallinqas)* rodduha *(l-istess bħalhom)*. Alla tabilħaqq jagħmel il-kontijiet ta' kollox.

ٱللَّهُ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ ۚ لَيَجْمَعَنَّكُمْ إِلَىٰ يَوْمِ ٱلْقِيَٰمَةِ لَا رَيْبَ فِيهِ ۗ
وَمَنْ أَصْدَقُ مِنَ ٱللَّهِ حَدِيثًا ﴿87﴾ ۞ فَمَا لَكُمْ فِى ٱلْمُنَٰفِقِينَ
فِئَتَيْنِ وَٱللَّهُ أَرْكَسَهُم بِمَا كَسَبُوٓا۟ ۚ أَتُرِيدُونَ أَن تَهْدُوا۟ مَنْ
أَضَلَّ ٱللَّهُ ۖ وَمَن يُضْلِلِ ٱللَّهُ فَلَن تَجِدَ لَهُۥ سَبِيلًا ﴿88﴾ وَدُّوا۟ لَوْ
تَكْفُرُونَ كَمَا كَفَرُوا۟ فَتَكُونُونَ سَوَآءً ۖ فَلَا تَتَّخِذُوا۟ مِنْهُمْ أَوْلِيَآءَ
حَتَّىٰ يُهَاجِرُوا۟ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ ۚ فَإِن تَوَلَّوْا۟ فَخُذُوهُمْ وَٱقْتُلُوهُمْ
حَيْثُ وَجَدتُّمُوهُمْ ۖ وَلَا تَتَّخِذُوا۟ مِنْهُمْ وَلِيًّا وَلَا نَصِيرًا ﴿89﴾
إِلَّا ٱلَّذِينَ يَصِلُونَ إِلَىٰ قَوْمٍۭ بَيْنَكُمْ وَبَيْنَهُم مِّيثَٰقٌ أَوْ جَآءُوكُمْ
حَصِرَتْ صُدُورُهُمْ أَن يُقَٰتِلُوكُمْ أَوْ يُقَٰتِلُوا۟ قَوْمَهُمْ ۚ وَلَوْ شَآءَ
ٱللَّهُ لَسَلَّطَهُمْ عَلَيْكُمْ فَلَقَٰتَلُوكُمْ ۚ فَإِنِ ٱعْتَزَلُوكُمْ فَلَمْ يُقَٰتِلُوكُمْ
وَأَلْقَوْا۟ إِلَيْكُمُ ٱلسَّلَمَ فَمَا جَعَلَ ٱللَّهُ لَكُمْ عَلَيْهِمْ سَبِيلًا ﴿90﴾
سَتَجِدُونَ ءَاخَرِينَ يُرِيدُونَ أَن يَأْمَنُوكُمْ وَيَأْمَنُوا۟ قَوْمَهُمْ كُلَّ
مَا رُدُّوٓا۟ إِلَى ٱلْفِتْنَةِ أُرْكِسُوا۟ فِيهَا ۚ فَإِن لَّمْ يَعْتَزِلُوكُمْ وَيُلْقُوٓا۟ إِلَيْكُمُ
ٱلسَّلَمَ وَيَكُفُّوٓا۟ أَيْدِيَهُمْ فَخُذُوهُمْ وَٱقْتُلُوهُمْ حَيْثُ
ثَقِفْتُمُوهُمْ ۚ وَأُو۟لَٰٓئِكُمْ جَعَلْنَا لَكُمْ عَلَيْهِمْ سُلْطَٰنًا مُّبِينًا ﴿91﴾

87. Alla ma hemmx alla *(ieħor)* ħliefu. Huwa tabilħaqq jiġmagħkom għal Jum il-Qawmien li ma hemm ebda dubju dwaru. U min jgħid is-sewwa aktar minn Alla?

88. Għaliex tinsabu *(maqsumin)* f'żewġ ġemgħat dwar *(x'għandkom tagħmlu lil)* ta' wiċċ b'ieħor, meta Alla reġġagħhom lura bla twemmin minħabba dak li għamlu? Jaqaw tridu turu t-triq it-tajba lil min Alla tellifhielu? U lil dak li Alla jtellfu t-triq *(it-tajba)*, ma ssiblu *(ebda)* triq *(oħra)*.

89. Huma jixtiequ li kieku tiċħdu t-twemmin bħalma ċaħduh huma, u b'hekk tkunu ndaqs. Mela teħduhomx bi ħbieb *(tagħkom)* qabel ma jemigraw għal Alla. U jekk jagħtu daharhom *(u ma jagħtux widen, bħala għedewwa tagħkom)*, ħuduhom u oqtluhom kull fejn issibuhom. La teħduhomx bi ħbiebkom, u lanqas *(tfittxuhom)* għall-għajnuna,

90. ħlief dawk *(fosthom)* li jingħaqdu ma' nies li bejnietkom hemm rabta *(ta' sliem)*, jew dawk li jiġu għandkom għaliex qlubhom ma tawhomx li jitqatlu magħkom, jew jitqatlu ma' nieshom, *(u la huma magħkom u lanqas kontrikom)*. Li kieku ried, Alla tahom is-setgħa fuqkom, u kienu jitqatlu kontrikom. Għalhekk jekk iwarrbu minnkom, ma jitqatlux kontrikom, u jridu s-sliem magħkom, mela Alla ma għamlilkomx triq kontrihom *(biex tkunulhom ta' ħsara)*.

91. Se ssibu oħrajn *(dawk ta' wiċċ b'ieħor)* li jridu jkunu mħarsa minnkom *(għaliex jagħmluha tabirruħhom li jemmnu)*, u mħarsa minn nieshom *(il-pagani wkoll, għaliex meta jkunu fosthom iġibu rwieħhom ta' nies li ma jemmnux)*. Kull darba li jerġgħu lura għall-għawġ *(tagħhom – iċ-ċaħda tat-twemmin – arahom)* jinqabdu fih. Jekk la jwarrbu minnkom, la jridu s-sliem magħkom, u lanqas ma jżommu idejhom *(mill-ġlied kontrikom)*, mela ħuduhom u oqtluhom kull fejn issibuhom. U kontra dawk għamilnielkom setgħa biċ-ċar.

وَمَا كَانَ لِمُؤْمِنٍ أَن يَقْتُلَ مُؤْمِنًا إِلَّا خَطَـًٔا ۚ وَمَن قَتَلَ
مُؤْمِنًا خَطَـًٔا فَتَحْرِيرُ رَقَبَةٍ مُّؤْمِنَةٍ وَدِيَةٌ مُّسَلَّمَةٌ إِلَىٰٓ
أَهْلِهِۦٓ إِلَّآ أَن يَصَّدَّقُوا۟ ۚ فَإِن كَانَ مِن قَوْمٍ عَدُوٍّ لَّكُمْ
وَهُوَ مُؤْمِنٌ فَتَحْرِيرُ رَقَبَةٍ مُّؤْمِنَةٍ ۖ وَإِن كَانَ
مِن قَوْمٍۭ بَيْنَكُمْ وَبَيْنَهُم مِّيثَٰقٌ فَدِيَةٌ مُّسَلَّمَةٌ
إِلَىٰٓ أَهْلِهِۦ وَتَحْرِيرُ رَقَبَةٍ مُّؤْمِنَةٍ ۖ فَمَن لَّمْ يَجِدْ
فَصِيَامُ شَهْرَيْنِ مُتَتَابِعَيْنِ تَوْبَةً مِّنَ ٱللَّهِ ۗ وَكَانَ
ٱللَّهُ عَلِيمًا حَكِيمًا ﴿92﴾ وَمَن يَقْتُلْ مُؤْمِنًا
مُّتَعَمِّدًا فَجَزَآؤُهُۥ جَهَنَّمُ خَٰلِدًا فِيهَا وَغَضِبَ
ٱللَّهُ عَلَيْهِ وَلَعَنَهُۥ وَأَعَدَّ لَهُۥ عَذَابًا عَظِيمًا ﴿93﴾ يَٰٓأَيُّهَا
ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِذَا ضَرَبْتُمْ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ فَتَبَيَّنُوا۟ وَلَا تَقُولُوا۟
لِمَنْ أَلْقَىٰٓ إِلَيْكُمُ ٱلسَّلَٰمَ لَسْتَ مُؤْمِنًا تَبْتَغُونَ
عَرَضَ ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا فَعِندَ ٱللَّهِ مَغَانِمُ كَثِيرَةٌ ۚ
كَذَٰلِكَ كُنتُم مِّن قَبْلُ فَمَنَّ ٱللَّهُ عَلَيْكُمْ
فَتَبَيَّنُوٓا۟ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ بِمَا تَعْمَلُونَ خَبِيرًا ﴿94﴾

92. Ma jkun qatt li min jemmen joqtol wieħed li jemmen, jekk mhux bi żball. Min joqtol bi żball lil xi ħadd li jemmen, ikollu jeħles ilsir li jemmen, u jħallas kumpens lil niesu *(nies il-vittma)*, ħlief jekk *(dawn)* iċedu *(il-kumpens)* b'karità. Jekk *(il-vittma)* tkun minn nies għedewwa tagħkom, u jkun jemmen, *(il-qattiel għandu jara li)* jeħles ilsir li jemmen. Jekk *(il-vittma)* ikun minn nies li bejnkom u bejnhom hemm xi rabta, għandu jitħallas kumpens lil niesu, u jinħeles ilsir li jemmen. Min ma jsibx *(kif jeħles ilsir)*, għandu jsum xahrejn wara xulxin. Din hija l-indiema *(li hija magħżula għalikom)* minn Alla. Alla jaf kollox u Għaref.

93. Min joqtol lil xi ħadd li jemmen, għaliex irid, il-ħlas tiegħu jkun l-Infern, u fih jibqa' għal dejjem. Alla jagħdab għalih u jisħtu, u ħejjielu kastig mill-kbar.

94. Intom li temmnu, meta titilqu biex titqatlu għal Alla, iflu sewwa *(il-qagħda, araw ma' min se tissieltu)* u la tgħidux li min isellmilkom *(bit-tislima tal-Misilmin)*: "Inti ma temminx," għaliex tixtiequ *(taħtfu taħt idejkom)* dak il-ġid li jgħaddi fil-ħajja *(ta' din)* id-dinja, filwaqt li għand Alla hemm ħafna priża *(u ġid kbir ieħor)*. Qabel, intom ukoll kontu hekk *(bħal dawk li ma jemmnux)*, sa ma Alla ħaseb fikom *(u wriekom it-triq)*. Mela iflu sewwa *(il-qagħda, qabel titqabdu)*. Alla tabilħaqq jaf sewwa b'dak li tagħmlu.

لَّا يَسْتَوِي الْقَاعِدُونَ مِنَ الْمُؤْمِنِينَ غَيْرُ أُولِي الضَّرَرِ وَالْمُجَاهِدُونَ
فِي سَبِيلِ اللَّهِ بِأَمْوَالِهِمْ وَأَنفُسِهِمْ ۚ فَضَّلَ اللَّهُ الْمُجَاهِدِينَ بِأَمْوَالِهِمْ
وَأَنفُسِهِمْ عَلَى الْقَاعِدِينَ دَرَجَةً ۚ وَكُلًّا وَعَدَ اللَّهُ الْحُسْنَىٰ ۚ وَفَضَّلَ اللَّهُ
الْمُجَاهِدِينَ عَلَى الْقَاعِدِينَ أَجْرًا عَظِيمًا ﴿95﴾ دَرَجَاتٍ مِّنْهُ وَمَغْفِرَةً
وَرَحْمَةً ۚ وَكَانَ اللَّهُ غَفُورًا رَّحِيمًا ﴿96﴾ إِنَّ الَّذِينَ تَوَفَّاهُمُ الْمَلَائِكَةُ
ظَالِمِي أَنفُسِهِمْ قَالُوا فِيمَ كُنتُمْ ۖ قَالُوا كُنَّا مُسْتَضْعَفِينَ فِي الْأَرْضِ ۚ
قَالُوا أَلَمْ تَكُنْ أَرْضُ اللَّهِ وَاسِعَةً فَتُهَاجِرُوا فِيهَا ۚ فَأُولَٰئِكَ مَأْوَاهُمْ
جَهَنَّمُ ۖ وَسَاءَتْ مَصِيرًا ﴿97﴾ إِلَّا الْمُسْتَضْعَفِينَ مِنَ الرِّجَالِ
وَالنِّسَاءِ وَالْوِلْدَانِ لَا يَسْتَطِيعُونَ حِيلَةً وَلَا يَهْتَدُونَ سَبِيلًا ﴿98﴾
فَأُولَٰئِكَ عَسَى اللَّهُ أَن يَعْفُوَ عَنْهُمْ ۚ وَكَانَ اللَّهُ عَفُوًّا غَفُورًا ﴿99﴾
۞ وَمَن يُهَاجِرْ فِي سَبِيلِ اللَّهِ يَجِدْ فِي الْأَرْضِ مُرَاغَمًا كَثِيرًا وَسَعَةً ۚ
وَمَن يَخْرُجْ مِن بَيْتِهِ مُهَاجِرًا إِلَى اللَّهِ وَرَسُولِهِ ثُمَّ يُدْرِكْهُ الْمَوْتُ
فَقَدْ وَقَعَ أَجْرُهُ عَلَى اللَّهِ ۗ وَكَانَ اللَّهُ غَفُورًا رَّحِيمًا ﴿100﴾ وَإِذَا ضَرَبْتُمْ
فِي الْأَرْضِ فَلَيْسَ عَلَيْكُمْ جُنَاحٌ أَن تَقْصُرُوا مِنَ الصَّلَاةِ إِنْ خِفْتُمْ
أَن يَفْتِنَكُمُ الَّذِينَ كَفَرُوا ۚ إِنَّ الْكَافِرِينَ كَانُوا لَكُمْ عَدُوًّا مُّبِينًا ﴿101﴾

ربع الحزب 10

95. Ma humiex indaqs dawk li jemmnu *(iżda)* joqogħdu *(id-dar, mingħajr ma joħorġu għat-taqbid)* – ħlief dawk li jbatu minn xi difett – *(u dawk li jemmnu)* u li jħabirku għal Alla b'ġidhom u bihom infushom. Alla jżomm f'tarġa *('il fuq)* lil dawk li jħabirku b'ġidhom u b'ħajjithom fuq dawk li joqogħdu *(id-dar)*. Lil kulħadd *(sew lil min tqabad, u sew lil min ma tqabadx għaliex ma kienx jiflaħ)* Alla wiegħed l-aħjar *(ħlas)*, iżda Alla pprefera lil dawk li jħabirku minn dawk li joqogħdu *(id-dar)* bi ħlas mill-akbar:
96. gradi *(għoljin)* minnu, maħfra u ħniena. Alla huwa Kollu Maħfra, Ħanin.
97. Tabilħaqq li l-Anġli, lil dawk *(l-erwieħ)* li jkunu temmewlhom ħajjithom, u li jkunu ħatja kontra tagħhom infushom *(għaliex setgħu emigraw għal Alla, iżda ma għamlux hekk)* jgħidu*(lhom)*: "Kif kontu *(fir-reliġjon)*?" *(Dawk l-erwieħ, bi skuża)* iwieġbu: "Konna maħqurin fl-art *(fejn konna ngħixu)*." *(Imbagħad l-Anġli)* jgħidu*(lhom)*: "Mela l-art ta' Alla ma kinitx wiesgħa *(biżżejjed għalikom)* biex temigraw fiha?" Dawk il-kenn tagħhom ikun fl-Infern – tmiem ħażin *(tassew ikollhom)*,
98. ħlief dawk li huma *(tassew)* dgħajfa fost l-irġiel, in-nisa, u t-tfal, li ma jafux x'għandhom jagħmlu *(u lanqas ma għandhom il-mezzi)*, u ma jsibux triq *(biex jemigraw)*.
99. Jista' jkun li Alla lil dawn jaħfrilhom. Alla huwa Kollu Mogħdrija, Kollu Maħfra.
100. Min jemigra *(minħabba twemminu u biex imur iħabrek)* għal Alla, isib fl-art ħafna kenn u bosta ġid. U min joħroġ minn daru u jemigra lejn *(il-ħidma ta')* Alla u tal-Mibgħut *(tiegħu)*, imbagħad tiġi fuqu l-mewt *(qabel ma jilħaq jasal)*, ħlasu jkun żgur għand Alla. Alla huwa Kollu Maħfra, Ħanin.
101. Meta tterrqu fl-art, ma jkollkom ebda ħtija jekk tqassru t-talb, jekk tibżgħu li jġarrbukom dawk li ma jemmnux. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux huma għadu fil-beraħ tagħkom.

وَإِذَا كُنتَ فِيهِمْ فَأَقَمْتَ لَهُمُ الصَّلَوٰةَ فَلْتَقُمْ طَآئِفَةٌ
مِّنْهُم مَّعَكَ وَلْيَأْخُذُوٓا۟ أَسْلِحَتَهُمْ فَإِذَا سَجَدُوا۟ فَلْيَكُونُوا۟
مِن وَرَآئِكُمْ وَلْتَأْتِ طَآئِفَةٌ أُخْرَىٰ لَمْ يُصَلُّوا۟
فَلْيُصَلُّوا۟ مَعَكَ وَلْيَأْخُذُوا۟ حِذْرَهُمْ وَأَسْلِحَتَهُمْ ۗ وَدَّ ٱلَّذِينَ
كَفَرُوا۟ لَوْ تَغْفُلُونَ عَنْ أَسْلِحَتِكُمْ وَأَمْتِعَتِكُمْ فَيَمِيلُونَ
عَلَيْكُم مَّيْلَةً وَٰحِدَةً ۚ وَلَا جُنَاحَ عَلَيْكُمْ إِن كَانَ بِكُمْ
أَذًى مِّن مَّطَرٍ أَوْ كُنتُم مَّرْضَىٰٓ أَن تَضَعُوٓا۟ أَسْلِحَتَكُمْ ۖ
وَخُذُوا۟ حِذْرَكُمْ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ أَعَدَّ لِلْكَٰفِرِينَ عَذَابًا مُّهِينًا ﴿102﴾
فَإِذَا قَضَيْتُمُ ٱلصَّلَوٰةَ فَٱذْكُرُوا۟ ٱللَّهَ قِيَٰمًا وَقُعُودًا وَعَلَىٰ
جُنُوبِكُمْ ۚ فَإِذَا ٱطْمَأْنَنتُمْ فَأَقِيمُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ ۚ إِنَّ ٱلصَّلَوٰةَ
كَانَتْ عَلَى ٱلْمُؤْمِنِينَ كِتَٰبًا مَّوْقُوتًا ﴿103﴾ وَلَا تَهِنُوا۟
فِى ٱبْتِغَآءِ ٱلْقَوْمِ ۖ إِن تَكُونُوا۟ تَأْلَمُونَ فَإِنَّهُمْ يَأْلَمُونَ كَمَا
تَأْلَمُونَ ۖ وَتَرْجُونَ مِنَ ٱللَّهِ مَا لَا يَرْجُونَ ۗ وَكَانَ ٱللَّهُ عَلِيمًا
حَكِيمًا ﴿104﴾ إِنَّآ أَنزَلْنَآ إِلَيْكَ ٱلْكِتَٰبَ بِٱلْحَقِّ لِتَحْكُمَ بَيْنَ
ٱلنَّاسِ بِمَآ أَرَىٰكَ ٱللَّهُ ۚ وَلَا تَكُن لِّلْخَآئِنِينَ خَصِيمًا ﴿105﴾

102. *(Muħammad)* meta tkun magħhom u trid tmexxilhom it-talb *(imsejjaħ ṣalātu l-ẖawf, it-talba tal-biża')*, ġemgħa minnhom għandha tieqaf *(fit-talb)* miegħek u għandha tieħu l-armi *(tagħha)*. Meta jkunu nxteħtu fl-art *(u talbu miegħek l-ewwel rakgħa)*, ara li *(meta jagħmlu rakgħa oħra waħidhom u jlestu)* imorru warajkom *(biex iħarsukom)*.[38] Ħalli tiġi ġemgħa oħra, li tkun għadha ma talbitx, biex titlob miegħek *(it-tieni rakgħa)*, u ara li jieħdu ħsieb, u jieħdu l-armi tagħhom. Dawk li ma jemmnux jixtiequ li kieku ma tiħdux ħsieb l-armi tagħkom u *(il-bqija ta')* ħwejjiġkom, biex jaħbtu għalikom fi ħbit wieħed. Ma jkollkom ebda ħtija jekk, minħabba x-xita jew għaliex tkunu morda, tħallu l-armi tagħkom, *(iżda)* moħħkom hemm! Alla tabilħaqq ħejja għal dawk li ma jemmnux kastig ta' tkasbir.

103. Meta ttemmu t-talb, ftakru f'Alla bil-wieqfa, bil-qiegħda u fuq ġenbejkom. Meta *(imbagħad)* tħossukom ħielsa mill-biża', agħmlu t-talb *(sħiħ, kif għandu jkun)*. Tabilħaqq li t-talb għal dawk li jemmnu huwa obbligu li jrid isir fil-ħinijiet maħsuba għalih.

104. La tkunux bla ħila meta toħorġu għall-għadu. Jekk tkunu qegħdin tbatu *(mill-ġrieħi tat-taqbid)*, huma bħalkom ikunu qegħdin ibatu. Intom tittamaw mingħand Alla dak li huma ma jittamawx *(il-premju fil-Ġenna)*. Alla jaf kollox u Għaref.

105. Aħna tabilħaqq niżżilnielek *(Muħammad)* il-Ktieb bis-sewwa biex tagħmel ħaqq min-nies skond dak li wriek Alla. U la tkunx *(minn dawk)* li jaqbżu għat-tradituri.

---

[38] *rakgħa*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

وَٱسْتَغْفِرِ ٱللَّهَ ۖ إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ غَفُورًا رَّحِيمًا ﴿106﴾ وَلَا تُجَٰدِلْ
عَنِ ٱلَّذِينَ يَخْتَانُونَ أَنفُسَهُمْ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يُحِبُّ مَن كَانَ
خَوَّانًا أَثِيمًا ﴿107﴾ يَسْتَخْفُونَ مِنَ ٱلنَّاسِ وَلَا يَسْتَخْفُونَ
مِنَ ٱللَّهِ وَهُوَ مَعَهُمْ إِذْ يُبَيِّتُونَ مَا لَا يَرْضَىٰ مِنَ ٱلْقَوْلِ ۚ وَكَانَ
ٱللَّهُ بِمَا يَعْمَلُونَ مُحِيطًا ﴿108﴾ هَٰٓأَنتُمْ هَٰٓؤُلَآءِ جَٰدَلْتُمْ
عَنْهُمْ فِى ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا فَمَن يُجَٰدِلُ ٱللَّهَ عَنْهُمْ يَوْمَ
ٱلْقِيَٰمَةِ أَم مَّن يَكُونُ عَلَيْهِمْ وَكِيلًا ﴿109﴾ وَمَن يَعْمَلْ
سُوٓءًا أَوْ يَظْلِمْ نَفْسَهُۥ ثُمَّ يَسْتَغْفِرِ ٱللَّهَ يَجِدِ ٱللَّهَ غَفُورًا
رَّحِيمًا ﴿110﴾ وَمَن يَكْسِبْ إِثْمًا فَإِنَّمَا يَكْسِبُهُۥ عَلَىٰ نَفْسِهِۦ ۚ
وَكَانَ ٱللَّهُ عَلِيمًا حَكِيمًا ﴿111﴾ وَمَن يَكْسِبْ خَطِيٓـَٔةً أَوْ إِثْمًا
ثُمَّ يَرْمِ بِهِۦ بَرِيٓـًٔا فَقَدِ ٱحْتَمَلَ بُهْتَٰنًا وَإِثْمًا مُّبِينًا ﴿112﴾ وَلَوْلَا
فَضْلُ ٱللَّهِ عَلَيْكَ وَرَحْمَتُهُۥ لَهَمَّت طَّآئِفَةٌ مِّنْهُمْ أَن
يُضِلُّوكَ وَمَا يُضِلُّونَ إِلَّآ أَنفُسَهُمْ ۖ وَمَا يَضُرُّونَكَ مِن
شَىْءٍ ۚ وَأَنزَلَ ٱللَّهُ عَلَيْكَ ٱلْكِتَٰبَ وَٱلْحِكْمَةَ وَعَلَّمَكَ
مَا لَمْ تَكُن تَعْلَمُ ۚ وَكَانَ فَضْلُ ٱللَّهِ عَلَيْكَ عَظِيمًا ﴿113﴾

106. Itlob il-maħfra ta' Alla! Alla tabilħaqq Kollu Maħfra u Ħanin.

107. Lanqas *(ma għandek toqgħod)* tħaqqaqha *(u taqbeż)* għal dawk li jqarrqu bihom infushom. Alla tabilħaqq ma jħobbx lil min hu traditur u ħażin.

108. Huma jinħbew *(għaliex jistħu)* min-nies, u ma jinħbewx minn Alla. Huwa jkun magħhom meta jgħaddu l-lejl inassu u jgħidu kliem li ma jogħġbux. Alla jaf sewwa b'dak li jagħmlu.

109. Hawn intom, qgħadtu tħaqquha f'isimhom *(u qbiżtu għalihom)* fil-ħajja *(ta' din)* id-dinja. Iżda min se jħaqqaqha ma' Alla għalihom f'Jum il-Qawmien, jew min se jkun il-protettur tagħhom?

110. Min jagħmel xi ħażen jew jonqos lejh innifsu, imbagħad jitlob il-maħfra ta' Alla, isib lil Alla Kollu Maħfra u Ħanin.

111. Min jagħmel xi dnub, ikun għamlu kontra tiegħu nnifsu. Alla jaf kollox u Għaref.

112. U min jagħmel xi ħtija jew dnub, imbagħad iwaħħal f'xi ħadd innoċenti, ikun ħa fuqu l-qerq u *(jkun ħati ta')* dnub mill-aktar ċar.

113. Li kieku ma kinitx għat-tjieba u għall-ħniena ta' Alla fuqek *(Muħammad)*, ġemgħa minnhom kienet qatgħetha li jtellfuk it-triq *(it-tajba)*. Iżda ma jtellfux it-triq għajr lilhom infushom. Huma ma jagħmlulek xejn ħsara *(għaliex Alla miegħek)*. Alla niżżel fuqek il-Ktieb u l-għerf, u għallmek dak li ma kontx taf. It-tjieba ta' Alla fuqek hija ta' kobor bla tarf.

نصف الحزب 10

۞ لَّا خَيْرَ فِي كَثِيرٍ مِّن نَّجْوَاهُمْ إِلَّا مَنْ أَمَرَ بِصَدَقَةٍ
أَوْ مَعْرُوفٍ أَوْ إِصْلَاحٍ بَيْنَ النَّاسِ ۚ وَمَن يَفْعَلْ ذَٰلِكَ
ابْتِغَاءَ مَرْضَاتِ اللَّهِ فَسَوْفَ نُؤْتِيهِ أَجْرًا عَظِيمًا ﴿114﴾ وَمَن
يُشَاقِقِ الرَّسُولَ مِن بَعْدِ مَا تَبَيَّنَ لَهُ الْهُدَىٰ وَيَتَّبِعْ غَيْرَ
سَبِيلِ الْمُؤْمِنِينَ نُوَلِّهِ مَا تَوَلَّىٰ وَنُصْلِهِ جَهَنَّمَ ۖ وَسَاءَتْ
مَصِيرًا ﴿115﴾ إِنَّ اللَّهَ لَا يَغْفِرُ أَن يُشْرَكَ بِهِ وَيَغْفِرُ مَا دُونَ
ذَٰلِكَ لِمَن يَشَاءُ ۚ وَمَن يُشْرِكْ بِاللَّهِ فَقَدْ ضَلَّ ضَلَالًا بَعِيدًا
﴿116﴾ إِن يَدْعُونَ مِن دُونِهِ إِلَّا إِنَاثًا وَإِن يَدْعُونَ
إِلَّا شَيْطَانًا مَّرِيدًا ﴿117﴾ لَّعَنَهُ اللَّهُ ۘ وَقَالَ لَأَتَّخِذَنَّ
مِنْ عِبَادِكَ نَصِيبًا مَّفْرُوضًا ﴿118﴾ وَلَأُضِلَّنَّهُمْ وَلَأُمَنِّيَنَّهُمْ
وَلَآمُرَنَّهُمْ فَلَيُبَتِّكُنَّ آذَانَ الْأَنْعَامِ وَلَآمُرَنَّهُمْ
فَلَيُغَيِّرُنَّ خَلْقَ اللَّهِ ۚ وَمَن يَتَّخِذِ الشَّيْطَانَ وَلِيًّا
مِّن دُونِ اللَّهِ فَقَدْ خَسِرَ خُسْرَانًا مُّبِينًا ﴿119﴾
يَعِدُهُمْ وَيُمَنِّيهِمْ ۖ وَمَا يَعِدُهُمُ الشَّيْطَانُ إِلَّا غُرُورًا ﴿120﴾
أُولَٰئِكَ مَأْوَاهُمْ جَهَنَّمُ وَلَا يَجِدُونَ عَنْهَا مَحِيصًا ﴿121﴾

114. Ma hemmx fejda f'ħafna mill-kliem mistur tagħhom, ħlief *(fil-kliem)* ta' dak li jamar il-karità jew l-għemil it-tajjeb, jew inkella jsewwi *(il-ġlied)* ta' bejn in-nies. Min jagħmel hekk, bix-xewqa li jogħġob lil Alla, *(arana)* se nagħtuh ħlas mill-kbar.

115. Min jieqaf lill-Mibgħut *(tagħna Muħammad u jeħodha kontrih)*, wara li t-tmexxija t-tajba tkun intwerietlu biċ-ċar, u jimxi fi triq oħra li ma hijiex ta' dawk li jemmnu, Aħna nħalluh *(fit-triq)* li qabad, u naħarquh fin-Nar. *(Dan ikun tassew)* tmiem ħażin.

116. Alla ma jaħfirhiex li jixxierek *(ma' allat oħra)*, iżda jaħfer *(dnubiet)* anqas minn dan, lil min irid. Min ixierek *(allat oħra)* ma' Alla jkun tbiegħed wisq mit-triq it-tajba.

117. Minfloku *(il-pagani)* isejħu u jitolbu lil allat nisa. Iżda *(fis-sew)* ma jkunux qegħdin isejħu għajr lix-Xitan li ma jehdiex jirvilla *(kontra l-amar ta' Alla)*.

118. Alla seħtu, iżda *(ix-Xitan)* qal*(lu)*: "Tassew se nieħu sehem magħżul mill-qaddejja tiegħek.

119. Tassew li ntellifhom it-triq, inqanqal fihom ix-xewqat *(ħżiena)*, nikkmandahom, u tassew iċarrtu widnejn il-frat; nikkmandahom, u tassew ibiddlu l-ħolqien ta' Alla." Min jieħu x-Xitan b'ħabib, minflok lil Alla, ikun daħal f'telf mill-aktar ċar.

120. *(Ix-Xitan)* iwegħedhom *(ħwejjeġ kbar)* u jqanqal fihom xewqat *(ħżiena)*. Iżda *(fis-sew)* ma jwegħedhomx għajr qerq.

121. Dawk *(li jimxu warajh isibu)* il-kenn tagħhom fl-Infern, u ma jsibu mkien minn fejn jaħarbu minnu.

وَالَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ سَنُدْخِلُهُمْ
جَنَّٰتٍ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ خَٰلِدِينَ فِيهَآ أَبَدًا ۖ وَعْدَ
ٱللَّهِ حَقًّا ۚ وَمَنْ أَصْدَقُ مِنَ ٱللَّهِ قِيلًا ﴿122﴾ لَّيْسَ بِأَمَانِيِّكُمْ
وَلَآ أَمَانِىِّ أَهْلِ ٱلْكِتَٰبِ ۗ مَن يَعْمَلْ سُوٓءًا يُجْزَ بِهِۦ
وَلَا يَجِدْ لَهُۥ مِن دُونِ ٱللَّهِ وَلِيًّا وَلَا نَصِيرًا ﴿123﴾ وَمَن
يَعْمَلْ مِنَ ٱلصَّٰلِحَٰتِ مِن ذَكَرٍ أَوْ أُنثَىٰ وَهُوَ مُؤْمِنٌ
فَأُو۟لَٰٓئِكَ يَدْخُلُونَ ٱلْجَنَّةَ وَلَا يُظْلَمُونَ نَقِيرًا ﴿124﴾ وَمَنْ
أَحْسَنُ دِينًا مِّمَّنْ أَسْلَمَ وَجْهَهُۥ لِلَّهِ وَهُوَ مُحْسِنٌ وَٱتَّبَعَ
مِلَّةَ إِبْرَٰهِيمَ حَنِيفًا ۗ وَٱتَّخَذَ ٱللَّهُ إِبْرَٰهِيمَ خَلِيلًا ﴿125﴾ وَلِلَّهِ مَا
فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِى ٱلْأَرْضِ ۚ وَكَانَ ٱللَّهُ بِكُلِّ شَىْءٍ
مُّحِيطًا ﴿126﴾ وَيَسْتَفْتُونَكَ فِى ٱلنِّسَآءِ ۖ قُلِ ٱللَّهُ يُفْتِيكُمْ
فِيهِنَّ وَمَا يُتْلَىٰ عَلَيْكُمْ فِى ٱلْكِتَٰبِ فِى يَتَٰمَى ٱلنِّسَآءِ
ٱلَّٰتِى لَا تُؤْتُونَهُنَّ مَا كُتِبَ لَهُنَّ وَتَرْغَبُونَ أَن تَنكِحُوهُنَّ
وَٱلْمُسْتَضْعَفِينَ مِنَ ٱلْوِلْدَٰنِ وَأَن تَقُومُوا۟ لِلْيَتَٰمَىٰ
بِٱلْقِسْطِ ۚ وَمَا تَفْعَلُوا۟ مِنْ خَيْرٍ فَإِنَّ ٱللَّهَ كَانَ بِهِۦ عَلِيمًا ﴿127﴾

122. Iżda dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba, *(arana)* se ndaħħluhom f'Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom jgħammru għal dejjem. *(Din hija)* il-wegħda ta' Alla tabilħaqq. U min jista' jkollu kelma aktar sewwa minn Alla?

123. Din ma hijiex *(xi ħaġa li tiddependi)* mix-xewqat tagħkom *(il-Misilmin)*, jew mix-xewqat ta' Nies il-Ktieb. Min jagħmel xi ħażen, jitħallas tiegħu u, barra minn Alla, ma jsibx min iħarsu, u lanqas min jgħinu.

124. Kulmin, raġel jew mara, jagħmel għemejjel tajba, u jkun jemmen, dawk jidħlu l-Ġenna, u ma jmorrux minn taħt, lanqas naqra.

125. Min huwa aħjar, fid-din, minn dak li jintelaq *(kollu kemm hu)* f'Alla, jagħmel it-tajjeb, u jimxi fi triq Abraham illi kellu twemmin safi? Alla ħa lil Abraham b'ħabib.

126. Ta' Alla huwa kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art, u Alla jaf sewwa b'kollox.

127. Huma jitolbu l-parir tiegħek *(Muħammad)* dwar in-nisa. Għid*(ilhom)*: "Alla jgħallimkom *(dan)* dwarhom, u *(la tinsewx)* dak li tħabbar lilkom fil-Ktieb dwar l-iltiema nisa li ma tagħtuhomx *(id-dota)* miktuba għalihom, minkejja li tixtiequ tiżżewġuhom, u *(dwar il-ħtieġa li tħarsu jeddijiet)* id-dgħajfa fost it-tfal, u li jeħtieġ li tieqfu ma' l-iltiema bil-ħaqq *(l-aktar fejn jidħlu l-wirt u d-dota)*. Kull ġid li tagħmlu, Alla tabilħaqq jaf kollox dwaru."

وَإِنِ ٱمۡرَأَةٌ خَافَتۡ مِنۢ بَعۡلِهَا نُشُوزًا أَوۡ إِعۡرَاضٗا فَلَا جُنَاحَ
عَلَيۡهِمَآ أَن يُصۡلِحَا بَيۡنَهُمَا صُلۡحٗاۚ وَٱلصُّلۡحُ خَيۡرٞۗ وَأُحۡضِرَتِ
ٱلۡأَنفُسُ ٱلشُّحَّۚ وَإِن تُحۡسِنُواْ وَتَتَّقُواْ فَإِنَّ ٱللَّهَ كَانَ
بِمَا تَعۡمَلُونَ خَبِيرٗا ﴿128﴾ وَلَن تَسۡتَطِيعُوٓاْ أَن تَعۡدِلُواْ
بَيۡنَ ٱلنِّسَآءِ وَلَوۡ حَرَصۡتُمۡۖ فَلَا تَمِيلُواْ كُلَّ ٱلۡمَيۡلِ
فَتَذَرُوهَا كَٱلۡمُعَلَّقَةِۚ وَإِن تُصۡلِحُواْ وَتَتَّقُواْ فَإِنَّ ٱللَّهَ
كَانَ غَفُورٗا رَّحِيمٗا ﴿129﴾ وَإِن يَتَفَرَّقَا يُغۡنِ ٱللَّهُ كُلّٗا
مِّن سَعَتِهِۦۚ وَكَانَ ٱللَّهُ وَٰسِعًا حَكِيمٗا ﴿130﴾ وَلِلَّهِ مَا فِي
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِي ٱلۡأَرۡضِۗ وَلَقَدۡ وَصَّيۡنَا ٱلَّذِينَ أُوتُواْ ٱلۡكِتَٰبَ
مِن قَبۡلِكُمۡ وَإِيَّاكُمۡ أَنِ ٱتَّقُواْ ٱللَّهَۚ وَإِن تَكۡفُرُواْ فَإِنَّ لِلَّهِ
مَا فِي ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِي ٱلۡأَرۡضِۚ وَكَانَ ٱللَّهُ غَنِيًّا حَمِيدٗا ﴿131﴾
وَلِلَّهِ مَا فِي ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِي ٱلۡأَرۡضِۚ وَكَفَىٰ بِٱللَّهِ وَكِيلًا ﴿132﴾
إِن يَشَأۡ يُذۡهِبۡكُمۡ أَيُّهَا ٱلنَّاسُ وَيَأۡتِ بِـَٔاخَرِينَۚ وَكَانَ
ٱللَّهُ عَلَىٰ ذَٰلِكَ قَدِيرٗا ﴿133﴾ مَّن كَانَ يُرِيدُ ثَوَابَ ٱلدُّنۡيَا فَعِندَ
ٱللَّهِ ثَوَابُ ٱلدُّنۡيَا وَٱلۡأٓخِرَةِۚ وَكَانَ ٱللَّهُ سَمِيعَۢا بَصِيرٗا ﴿134﴾

128. Jekk mara tibża' mill-imġiba ħażina ta' żewġha, jew li jibred minnha, ma hemm xejn ħażin li huma t-tnejn jaslu għal ftehim bejniethom, għaliex il-ftehim huwa aħjar *(għalihom)*. Iżda l-bnedmin imilu lejn ix-xeħħa *(u jaqgħu fiha)*. Imma jekk tagħmlu t-tajjeb, u żżommu 'l bogħod mill-ħażen, Alla tabilħaqq jaf sewwa b'dak li tagħmlu.

129. M'intomx se tkunu tistgħu tagħmlu ġustizzja *(fl-imħabba)* bejn in-nisa tagħkom, anki jekk tkunu ħerqana *(li tagħmlu dan)*. Għalhekk la twarrbux għal kollox *(minn mara minnhom, jekk tħossu inqas ġibda lejha)*, hekk li tħalluha bħal imdendla *(fl-arja, qisha la hija miżżewġa u lanqas divorzjata)*. Jekk issewwu *(l-inkwiet ta' bejnietkom)*, u żżommu 'l bogħod mill-ħażen, Alla tabilħaqq huwa Kollu Maħfra u Ħanin.

130. Iżda jekk huma t-tnejn jinfirdu, Alla jagħni lit-tnejn li huma mill-wisa' *(tal-ġid tiegħu)*. Alla huwa Wiesa' *(fit-tjieba tiegħu)* u Għaref. .

131. Ta' Alla huwa kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art. Aħna wissejna lil dawk li ngħataw il-Ktieb qabilkom *(il-Lhud u l-Insara)*, u lilkom *(il-Misilmin ukoll)*, biex tibżgħu minn Alla. Iżda jekk ma temmnux, tabilħaqq li ta' Alla huwa kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art. Alla huwa Għani *(f'kollox)* u jistħoqq kull tifħir.

132. Ta' Alla huwa kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art. Biżżejjed *(għalikom)* li Alla jieħu ħsieb kollox.

133. Ja nies, jekk irid *(Alla jista')* jeqridkom u jġib *(nies)* oħrajn *(minflokkom)*. Alla għandu s-setgħa kollha biex jagħmel dan.

134. Min irid il-ħlas tad-dinja *(għandu jkun jaf li)* għand Alla hemm il-ħlas ta' *(din)* id-dinja u ta' l-Oħra. Alla jisma' kollox u jara kollox.

ثلاثة أرباع الحزب 10

۞ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ كُونُواْ قَوَّٰمِينَ بِٱلْقِسْطِ شُهَدَآءَ لِلَّهِ
وَلَوْ عَلَىٰٓ أَنفُسِكُمْ أَوِ ٱلْوَٰلِدَيْنِ وَٱلْأَقْرَبِينَ ۚ إِن يَكُنْ غَنِيًّا
أَوْ فَقِيرًا فَٱللَّهُ أَوْلَىٰ بِهِمَا ۖ فَلَا تَتَّبِعُواْ ٱلْهَوَىٰٓ أَن تَعْدِلُواْ ۚ وَإِن
تَلْوُۥٓاْ أَوْ تُعْرِضُواْ فَإِنَّ ٱللَّهَ كَانَ بِمَا تَعْمَلُونَ خَبِيرًا ﴿135﴾ يَٰٓأَيُّهَا
ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓاْ ءَامِنُواْ بِٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦ وَٱلْكِتَٰبِ ٱلَّذِى نَزَّلَ
عَلَىٰ رَسُولِهِۦ وَٱلْكِتَٰبِ ٱلَّذِىٓ أَنزَلَ مِن قَبْلُ ۚ وَمَن يَكْفُرْ
بِٱللَّهِ وَمَلَٰٓئِكَتِهِۦ وَكُتُبِهِۦ وَرُسُلِهِۦ وَٱلْيَوْمِ ٱلْءَاخِرِ فَقَدْ ضَلَّ
ضَلَٰلًۢا بَعِيدًا ﴿136﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ ثُمَّ كَفَرُواْ ثُمَّ ءَامَنُواْ
ثُمَّ كَفَرُواْ ثُمَّ ٱزْدَادُواْ كُفْرًا لَّمْ يَكُنِ ٱللَّهُ لِيَغْفِرَ لَهُمْ وَلَا لِيَهْدِيَهُمْ
سَبِيلًۢا ﴿137﴾ بَشِّرِ ٱلْمُنَٰفِقِينَ بِأَنَّ لَهُمْ عَذَابًا أَلِيمًا ﴿138﴾ ٱلَّذِينَ
يَتَّخِذُونَ ٱلْكَٰفِرِينَ أَوْلِيَآءَ مِن دُونِ ٱلْمُؤْمِنِينَ ۚ أَيَبْتَغُونَ
عِندَهُمُ ٱلْعِزَّةَ فَإِنَّ ٱلْعِزَّةَ لِلَّهِ جَمِيعًا ﴿139﴾ وَقَدْ نَزَّلَ عَلَيْكُمْ فِى
ٱلْكِتَٰبِ أَنْ إِذَا سَمِعْتُمْ ءَايَٰتِ ٱللَّهِ يُكْفَرُ بِهَا وَيُسْتَهْزَأُ بِهَا فَلَا
تَقْعُدُواْ مَعَهُمْ حَتَّىٰ يَخُوضُواْ فِى حَدِيثٍ غَيْرِهِۦٓ ۚ إِنَّكُمْ إِذًا مِّثْلُهُمْ ۗ
إِنَّ ٱللَّهَ جَامِعُ ٱلْمُنَٰفِقِينَ وَٱلْكَٰفِرِينَ فِى جَهَنَّمَ جَمِيعًا ﴿140﴾

135. Intom li temmnu, ieqfu bil-ħaqq bħala xhieda ta' Alla, anki jekk *(ikollkom tixhdu)* kontra tagħkom infuskom, jew kontra l-ġenituri u l-qraba *(tagħkom)*. Sew jekk *(dak li qegħdin tixhdu għalih ikun)* għani, sew jekk fqir, Alla jaf jieħu ħsieb it-tnejn li huma, *(l-għani u l-fqir)*. La timxux wara x-xewqat *(ta' qlubkom)* u titbiegħdu mill-ħaqq. Jekk tgħawġu *(il-fatti)*, jew ma tkunux tridu *(tagħtu xhieda)*, Alla jkun jaf sew b'dak li tagħmlu.

136. Intom li temmnu, emmnu f'Alla, fil-Mibgħut tiegħu *(Muħammad)*, fil-Ktieb li niżżel fuq il-Mibgħut tiegħu *(il-Qoran)*, u fil-Ktieb *(tal-Lhud, it-Torā, u l-Evanġelju ta' l-Insara)* li niżżel qabel. Min ma jemminx f'Alla, fl-anġli tiegħu, fil-Kotba tiegħu, fil-Mibgħutin tiegħu, u fl-Aħħar Jum, ikun tbiegħed wisq mit-triq it-tajba.

137. Tabilħaqq li dawk li jemmnu, imbagħad jiċħdu *(twemminhom)*, imbagħad jerġgħu jemmnu, u *(wara)* jerġgħu jiċħdu *(twemminhom)*, u jibqgħu jiżdiedu fiċ-ċaħda tat-twemmin, ma jkun *(qatt)* li Alla jaħfirlhom, u lanqas jurihom it-triq.

138. Agħti l-bxara *(Muħammad)* lil dawk ta' wiċċ b'ieħor li għalihom hemm kastig ta' wġigħ.

139. Dawk huma li jieħdu bi ħbiebhom *(u b'alleati tagħhom)* lil dawk li ma jemmnux, minflok lil dawk li jemmnu. Jaqaw jittamaw li jsibu fihom il-qawwa u l-ġieħ? Tabilħaqq li kull qawwa u ġieħ huma ta' Alla.

140. Huwa niżżlilkom fil-Ktieb *(il-Qoran)* li, meta tisimgħu li l-versi ta' Alla jkunu miċħuda u jitwaqqgħu għaż-żebliħ, ma għandkomx toqogħdu magħhom *(dawk in-nies il-ħżiena)*, sa ma jaqbdu kliem ieħor. Jekk tibqgħu magħhom, mela tkunu bħalhom. Tabilħaqq li Alla jiġma' lil ta' wiċċ b'ieħor u lil dawk li ma jemmnux ilkoll fl-Infern.

ٱلَّذِينَ يَتَرَبَّصُونَ بِكُمْ فَإِن كَانَ لَكُمْ فَتْحٌ مِّنَ ٱللَّهِ قَالُوٓا۟ أَلَمْ
نَكُن مَّعَكُمْ وَإِن كَانَ لِلْكَٰفِرِينَ نَصِيبٌ قَالُوٓا۟ أَلَمْ نَسْتَحْوِذْ
عَلَيْكُمْ وَنَمْنَعْكُم مِّنَ ٱلْمُؤْمِنِينَ ۚ فَٱللَّهُ يَحْكُمُ بَيْنَكُمْ يَوْمَ
ٱلْقِيَٰمَةِ ۗ وَلَن يَجْعَلَ ٱللَّهُ لِلْكَٰفِرِينَ عَلَى ٱلْمُؤْمِنِينَ سَبِيلًا ﴿141﴾
إِنَّ ٱلْمُنَٰفِقِينَ يُخَٰدِعُونَ ٱللَّهَ وَهُوَ خَٰدِعُهُمْ وَإِذَا قَامُوٓا۟ إِلَى
ٱلصَّلَوٰةِ قَامُوا۟ كُسَالَىٰ يُرَآءُونَ ٱلنَّاسَ وَلَا يَذْكُرُونَ ٱللَّهَ إِلَّا
قَلِيلًا ﴿142﴾ مُّذَبْذَبِينَ بَيْنَ ذَٰلِكَ لَآ إِلَىٰ هَٰٓؤُلَآءِ وَلَآ إِلَىٰ هَٰٓؤُلَآءِ ۚ
وَمَن يُضْلِلِ ٱللَّهُ فَلَن تَجِدَ لَهُۥ سَبِيلًا ﴿143﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟
لَا تَتَّخِذُوا۟ ٱلْكَٰفِرِينَ أَوْلِيَآءَ مِن دُونِ ٱلْمُؤْمِنِينَ ۚ أَتُرِيدُونَ
أَن تَجْعَلُوا۟ لِلَّهِ عَلَيْكُمْ سُلْطَٰنًا مُّبِينًا ﴿144﴾ إِنَّ ٱلْمُنَٰفِقِينَ
فِى ٱلدَّرْكِ ٱلْأَسْفَلِ مِنَ ٱلنَّارِ وَلَن تَجِدَ لَهُمْ نَصِيرًا ﴿145﴾
إِلَّا ٱلَّذِينَ تَابُوا۟ وَأَصْلَحُوا۟ وَٱعْتَصَمُوا۟ بِٱللَّهِ وَأَخْلَصُوا۟
دِينَهُمْ لِلَّهِ فَأُو۟لَٰٓئِكَ مَعَ ٱلْمُؤْمِنِينَ ۖ وَسَوْفَ يُؤْتِ ٱللَّهُ
ٱلْمُؤْمِنِينَ أَجْرًا عَظِيمًا ﴿146﴾ مَّا يَفْعَلُ ٱللَّهُ بِعَذَابِكُمْ
إِن شَكَرْتُمْ وَءَامَنتُمْ ۚ وَكَانَ ٱللَّهُ شَاكِرًا عَلِيمًا ﴿147﴾

141. *(Huma)* dawk li joqogħdu jgħassulkom: kull meta jkollkom ir-rebħa minn Alla *(fuq l-għedewwa tagħkom u tiksbu ħafna priża, arawhom)* jgħidu: "Mela aħna ma konniex magħkom? *(Mela agħtuna sehemna!)*" Iżda meta dawk li ma jemmnux ikunu rebbieħa *(fuqkom, dawk ta' wiċċ b'ieħor malajr)* jgħidu *(lil dawk li ma jemmnux)*: "Mela ma konniex nistgħu għalikom *(u stajna jassarniekom jew qtilniekom, iżda minflok)* ħarisniekom minn dawk li jemmnu? *(Mela agħtuna sehemna!)*" Iżda Alla jagħmel ħaqq minnkom f'Jum il-Qawmien. Alla ma huwa qatt se jwassal lil dawk li ma jemmnux *(biex ikunu rebbieħa għal dejjem)* fuq dawk li jemmnu.

142. Tabilħaqq li ta' wiċċ b'ieħor *(mingħalihom li)* qegħdin iqarrqu b'Alla, iżda Huwa jqarraq bihom. Kull meta jqumu għat-talb, *(arahom)* iqumu bl-għażż, għal għajn in-nies *(u mhux għaliex tassew iridu jitolbu)*, u ftit li xejn jiftakru f'Alla.

143. Huma bejn ħalltejn *(bejn it-twemmin u ċ-ċaħda tiegħu)*, la ma' dawn *(li jemmnu)*, u lanqas ma' l-oħrajn *(li ma jemmnux. Għalhekk ma humiex ta' min wieħed joqgħod fuqhom)*. Lil dak li Alla jtellfu t-triq, m'intix se ssiblu triq *(oħra)*.

144. Intom li temmnu, la tiħdux bi ħbieb *(u b'alleati)* lil dawk li ma jemmnux, minflok lil dawk li jemmnu. Jaqaw tridu tagħtu lil Alla xhieda ċara kontrikom *(li intom ta' wiċċ b'ieħor)*?

145. Tabilħaqq li dawk ta' wiċċ b'ieħor ikunu f'qiegħ in-Nar, u m'intix se ssibilhom min jgħinhom.

146. *(Ma ssibx min jgħin)* ħlief lil dawk li jindmu, li jinbidlu għall-aħjar, li jżommu sħiħ f'Alla, u jsaffu r-reliġjon tagħhom għal Alla *(u ħsiebhom biss fiha)*; huma *(jingħaddu)* ma' dawk li jemmnu. Alla se jagħti lil dawk li jemmnu ħlas mill-kbar.

147. X'se jagħmel Alla bil-kastig tagħkom, jekk tiżżu ħajr u temmnu? Alla jrodd il-ħajr *(lil min ħaqqu)* u jaf kollox.

الجزء 6
الحزب 11

۞ لَّا يُحِبُّ ٱللَّهُ ٱلْجَهْرَ بِٱلسُّوٓءِ مِنَ ٱلْقَوْلِ إِلَّا مَن ظُلِمَ ۚ وَكَانَ
ٱللَّهُ سَمِيعًا عَلِيمًا ﴿148﴾ إِن تُبْدُوا۟ خَيْرًا أَوْ تُخْفُوهُ أَوْ تَعْفُوا۟ عَن
سُوٓءٍ فَإِنَّ ٱللَّهَ كَانَ عَفُوًّا قَدِيرًا ﴿149﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ يَكْفُرُونَ
بِٱللَّهِ وَرُسُلِهِۦ وَيُرِيدُونَ أَن يُفَرِّقُوا۟ بَيْنَ ٱللَّهِ وَرُسُلِهِۦ
وَيَقُولُونَ نُؤْمِنُ بِبَعْضٍ وَنَكْفُرُ بِبَعْضٍ وَيُرِيدُونَ
أَن يَتَّخِذُوا۟ بَيْنَ ذَٰلِكَ سَبِيلًا ﴿150﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْكَٰفِرُونَ
حَقًّا ۚ وَأَعْتَدْنَا لِلْكَٰفِرِينَ عَذَابًا مُّهِينًا ﴿151﴾ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟
بِٱللَّهِ وَرُسُلِهِۦ وَلَمْ يُفَرِّقُوا۟ بَيْنَ أَحَدٍ مِّنْهُمْ أُو۟لَٰٓئِكَ سَوْفَ
يُؤْتِيهِمْ أُجُورَهُمْ ۗ وَكَانَ ٱللَّهُ غَفُورًا رَّحِيمًا ﴿152﴾ يَسْـَٔلُكَ
أَهْلُ ٱلْكِتَٰبِ أَن تُنَزِّلَ عَلَيْهِمْ كِتَٰبًا مِّنَ ٱلسَّمَآءِ ۚ فَقَدْ سَأَلُوا۟
مُوسَىٰٓ أَكْبَرَ مِن ذَٰلِكَ فَقَالُوٓا۟ أَرِنَا ٱللَّهَ جَهْرَةً فَأَخَذَتْهُمُ
ٱلصَّٰعِقَةُ بِظُلْمِهِمْ ۚ ثُمَّ ٱتَّخَذُوا۟ ٱلْعِجْلَ مِنۢ بَعْدِ مَا جَآءَتْهُمُ
ٱلْبَيِّنَٰتُ فَعَفَوْنَا عَن ذَٰلِكَ ۚ وَءَاتَيْنَا مُوسَىٰ سُلْطَٰنًا مُّبِينًا ﴿153﴾
وَرَفَعْنَا فَوْقَهُمُ ٱلطُّورَ بِمِيثَٰقِهِمْ وَقُلْنَا لَهُمُ ٱدْخُلُوا۟ ٱلْبَابَ سُجَّدًا
وَقُلْنَا لَهُمْ لَا تَعْدُوا۟ فِى ٱلسَّبْتِ وَأَخَذْنَا مِنْهُم مِّيثَٰقًا غَلِيظًا ﴿154﴾

148. Alla ma jħobbx li jixxandar kliem ħażin, ħlief minn min bata xi inġustizzja. Alla jisma' kollox u jaf kollox.

149. Sew jekk turu għemil tajjeb, sew jekk taħbuh, jew jekk taħfru xi ħażen, Alla tabilħaqq huwa Kollu Mogħdrija, Setgħan.

150. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux f'Alla u fil-Mibgħutin tiegħu, u jridu jifirdu bejn Alla u l-Mibgħutin tiegħu, jgħidu: "Nemmnu fi whud *(minnhom)* u niċħdu oħrajn," u jridu jieħdu t-triq tan-nofs bejn it-twemmin u ċ-ċaħda tiegħu.

151. Dawk huma, tabilħaqq, li ma jemmnux. U għal dawk li ma jemmnux ħejjejna kastig ta' tkasbir.

152. Dawk li jemmnu f'Alla u fil-Mibgħutin tiegħu, u ma jifirdu bejn ħadd minnhom, *(lil)* dawk *(Alla)* se jagħtihom il-ħlasijiet tagħhom. Alla huwa Kollu Maħfra u Ħanin.

153. Nies il-Ktieb jitolbuk tniżżel fuqhom Ktieb mis-sema. Huma kienu talbu lil Mosè aktar minn hekk, meta qalu: "Urina lil Alla fid-dieher!" U s-sajjetta *(faqqgħet u)* ħadithom *(għal għarrieda)* minħabba l-ħażen tagħhom. Imbagħad ħadu l-għoġol *(biex iqimuh)*, wara li kienu ġewhom is-sinjali ċ-ċari, iżda Aħna ħfirna dan *(id-dnub)*. U lil Mosè tajnieh qawwa u prova ċara.

154. U rfajna fuqhom il-Muntanja *(Sinaj)* meta *(daħlu)* fir-rabta tagħhom *(magħna)*, u għednielhom: "Idħlu l-bieb *(ta' Ġerusalemm)* bil-qima!" Għednielhom *(ukoll)*: "La tiksrux is-Sibt!" U ħadna mingħandhom rabta soda.

فَبِمَا نَقْضِهِم مِّيثَٰقَهُمْ وَكُفْرِهِم بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ وَقَتْلِهِمُ ٱلْأَنۢبِيَآءَ
بِغَيْرِ حَقٍّ وَقَوْلِهِمْ قُلُوبُنَا غُلْفٌۢ بَلْ طَبَعَ ٱللَّهُ عَلَيْهَا بِكُفْرِهِمْ
فَلَا يُؤْمِنُونَ إِلَّا قَلِيلًا ﴿155﴾ وَبِكُفْرِهِمْ وَقَوْلِهِمْ عَلَىٰ مَرْيَمَ
بُهْتَٰنًا عَظِيمًا ﴿156﴾ وَقَوْلِهِمْ إِنَّا قَتَلْنَا ٱلْمَسِيحَ عِيسَى ٱبْنَ مَرْيَمَ
رَسُولَ ٱللَّهِ وَمَا قَتَلُوهُ وَمَا صَلَبُوهُ وَلَٰكِن شُبِّهَ لَهُمْ ۚ وَإِنَّ ٱلَّذِينَ
ٱخْتَلَفُوا۟ فِيهِ لَفِى شَكٍّ مِّنْهُ ۚ مَا لَهُم بِهِۦ مِنْ عِلْمٍ إِلَّا ٱتِّبَاعَ ٱلظَّنِّ ۚ
وَمَا قَتَلُوهُ يَقِينًۢا ﴿157﴾ بَل رَّفَعَهُ ٱللَّهُ إِلَيْهِ ۚ وَكَانَ ٱللَّهُ عَزِيزًا حَكِيمًا
﴿158﴾ وَإِن مِّنْ أَهْلِ ٱلْكِتَٰبِ إِلَّا لَيُؤْمِنَنَّ بِهِۦ قَبْلَ مَوْتِهِۦ ۖ وَيَوْمَ
ٱلْقِيَٰمَةِ يَكُونُ عَلَيْهِمْ شَهِيدًا ﴿159﴾ فَبِظُلْمٍ مِّنَ ٱلَّذِينَ هَادُوا۟
حَرَّمْنَا عَلَيْهِمْ طَيِّبَٰتٍ أُحِلَّتْ لَهُمْ وَبِصَدِّهِمْ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ
كَثِيرًا ﴿160﴾ وَأَخْذِهِمُ ٱلرِّبَوٰا۟ وَقَدْ نُهُوا۟ عَنْهُ وَأَكْلِهِمْ أَمْوَٰلَ ٱلنَّاسِ
بِٱلْبَٰطِلِ ۚ وَأَعْتَدْنَا لِلْكَٰفِرِينَ مِنْهُمْ عَذَابًا أَلِيمًا ﴿161﴾ لَّٰكِنِ
ٱلرَّٰسِخُونَ فِى ٱلْعِلْمِ مِنْهُمْ وَٱلْمُؤْمِنُونَ يُؤْمِنُونَ بِمَآ أُنزِلَ إِلَيْكَ وَمَآ
أُنزِلَ مِن قَبْلِكَ ۚ وَٱلْمُقِيمِينَ ٱلصَّلَوٰةَ ۚ وَٱلْمُؤْتُونَ ٱلزَّكَوٰةَ
وَٱلْمُؤْمِنُونَ بِٱللَّهِ وَٱلْيَوْمِ ٱلْءَاخِرِ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ سَنُؤْتِيهِمْ أَجْرًا عَظِيمًا ﴿162﴾

155. U talli kisru r-rabta tagħhom *(ma' Alla)*, talli m'emmnux fir-Rivelazzjoni ta' Alla, talli qatlu l-Profeti mingħajr ħaqq, u talli qalu: "Qlubna *(mgeżwra fi)* qratas *(mimlija għerf u ma neħtiġux iżjed)*," Alla qiegħed siġill fuq qlubhom talli m'emmnux, u għalhekk ma jemmnux għajr ftit *(minnhom)*.

156. U talli m'emmnux, u talli qalgħu xniegħa *(qarrieqa)* kbira dwar Marija,

157. u talli qalu: "Aħna tabilħaqq qtilna lill-Messija Ġesù bin Marija, il-Mibgħut ta' Alla," iżda *(fis-sew)* la qatluh u lanqas sallbuh, iżda *(tqarrqu, għaliex lil min sallbu)* kien magħmul għalihom jixbhu *(lil Ġesù)*. Tabilħaqq li dawk li tlewmu fuqu *(Ġesù)* jinsabu f'dubju dwaru. Huma ma għandhom ebda għarfien, ħlief li joqogħdu fuq l-istħajjil *(tagħhom)*. Huma ma qatluhx tassew!

158. Le *(ma qatluhx, iżda)* Alla refgħu lejh. Alla Felħan u Għaref.

159. U ma hemm ħadd minn Nies il-Ktieb li ma huwiex se jemmen fih *(f'Ġesù)* qabel mewtu, u f'Jum il-Qawmien se jkun xhud kontrihom.

160. U minħabba l-ħażen tal-Lhud, Aħna għamilna ma jiswiex *(xi ikel)* tajjeb li *(qabel)* kien jiswa għalihom, u minħabba li żammu lil ħafna *(milli jimxu)* fit-triq ta' Alla,

161. u *(għaliex)* ħadu l-imgħax, meta ma kienx jiswa għalihom, u talli kielu ġid in-nies bil-qerq. Aħna ħejjejna għal dawk fosthom li ma jemmnux kastig ta' wġigħ.

162. Iżda dawk minnhom li huma sħaħ fl-għerf, u dawk li jemmnu, *(dawn tabilħaqq)* jemmnu f'dak li tniżżel lilek u f'li tniżżel qablek, *(l-aktar)* dawk li jagħmlu t-talb, li jagħtu l-karità u li jemmnu f'Alla u fl-Aħħar Jum. Lil dawk se nagħtuhom ħlas kbir tassew.

ربع الحزب 11

۞ إِنَّآ أَوۡحَيۡنَآ إِلَيۡكَ كَمَآ أَوۡحَيۡنَآ إِلَىٰ نُوحٖ وَٱلنَّبِيِّـۧنَ مِنۢ بَعۡدِهِۦۚ
وَأَوۡحَيۡنَآ إِلَىٰٓ إِبۡرَٰهِيمَ وَإِسۡمَٰعِيلَ وَإِسۡحَٰقَ وَيَعۡقُوبَ
وَٱلۡأَسۡبَاطِ وَعِيسَىٰ وَأَيُّوبَ وَيُونُسَ وَهَٰرُونَ وَسُلَيۡمَٰنَۚ
وَءَاتَيۡنَا دَاوُۥدَ زَبُورٗا ﴿163﴾ وَرُسُلٗا قَدۡ قَصَصۡنَٰهُمۡ عَلَيۡكَ
مِن قَبۡلُ وَرُسُلٗا لَّمۡ نَقۡصُصۡهُمۡ عَلَيۡكَۚ وَكَلَّمَ ٱللَّهُ مُوسَىٰ
تَكۡلِيمٗا ﴿164﴾ رُّسُلٗا مُّبَشِّرِينَ وَمُنذِرِينَ لِئَلَّا يَكُونَ
لِلنَّاسِ عَلَى ٱللَّهِ حُجَّةُۢ بَعۡدَ ٱلرُّسُلِۚ وَكَانَ ٱللَّهُ عَزِيزًا حَكِيمٗا
﴿165﴾ لَّٰكِنِ ٱللَّهُ يَشۡهَدُ بِمَآ أَنزَلَ إِلَيۡكَۖ أَنزَلَهُۥ بِعِلۡمِهِۦۖ
وَٱلۡمَلَٰٓئِكَةُ يَشۡهَدُونَۚ وَكَفَىٰ بِٱللَّهِ شَهِيدًا ﴿166﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ
كَفَرُواْ وَصَدُّواْ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ قَدۡ ضَلُّواْ ضَلَٰلَۢا بَعِيدًا
﴿167﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُواْ وَظَلَمُواْ لَمۡ يَكُنِ ٱللَّهُ لِيَغۡفِرَ لَهُمۡ وَلَا
لِيَهۡدِيَهُمۡ طَرِيقًا ﴿168﴾ إِلَّا طَرِيقَ جَهَنَّمَ خَٰلِدِينَ فِيهَآ أَبَدٗاۚ
وَكَانَ ذَٰلِكَ عَلَى ٱللَّهِ يَسِيرٗا ﴿169﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ قَدۡ جَآءَكُمُ
ٱلرَّسُولُ بِٱلۡحَقِّ مِن رَّبِّكُمۡ فَـَٔامِنُواْ خَيۡرٗا لَّكُمۡۚ وَإِن تَكۡفُرُواْ
فَإِنَّ لِلَّهِ مَا فِي ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلۡأَرۡضِۚ وَكَانَ ٱللَّهُ عَلِيمًا حَكِيمٗا
﴿170﴾

163. Aħna nebbaħniek *(Muħammad, il-messaġġ tagħna)* bħalma nebbaħna lil Noè u lill-Profeti ta' warajh: Aħna nebbaħna lil Abraham, lil Ismagħel, lil Iżakk, lil Ġakobb, lit-tribujiet *(li ħarġu minn Ġakobb)*, lil Ġesù, lil Ġob, lil Ġona, lil Aron, lil Salamun, u tajna s-Salmi lil David.

164. Diġà tarrafnielek *(f'suriet oħra)* il-ġrajja ta' xi Mibgħutin, u *(hemm)* Mibgħutin *(oħra)* li ma tarrafnielek *(xejn)* dwarhom. U lil Mosè Alla kellmu tassew.

165. *(Dawn kienu)* Mibgħutin li xandru l-bxara t-tajba u li wissew, biex il-bnedmin ma jkollhom ebda skuża kontra Alla wara *(il-miġja)* tal-Mibgħutin. Alla huwa Qawwi u Għaref.

166. Iżda Alla *(nnifsu)* jixhed għal dak li niżżillek; fl-għerf tiegħu niżżlu, u l-anġli *(ukoll)* jixhdu *(għal dan)*. Alla huwa biżżejjed *(għalikom)* bħala Xhud.

167. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux, u jżommu *(lil ħaddieħor)* mit-triq ta' Alla, tbiegħdu wisq mit-triq it-tajba.

168. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux u jagħmlu l-ħażen, Alla ma jaħfrilhomx u lanqas jurihom triq,

169. jekk mhux triq l-Infern, u fih jgħammru għal dejjem. Għal Alla din hija *(ħaġa)* ħafifa.

170. Ja nies, il-Mibgħut *(Muħammad)* ġiekom bis-sewwa minn Sidkom. Mela emmnu *(għaliex)* ikun aħjar għalikom! Jekk ma temmnux, *(kunu afu)* li ta' Alla huwa kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art, u Alla jaf kollox u Għaref.

يَٰٓأَهۡلَ ٱلۡكِتَٰبِ لَا تَغۡلُواْ فِي دِينِكُمۡ وَلَا تَقُولُواْ
عَلَى ٱللَّهِ إِلَّا ٱلۡحَقَّۚ إِنَّمَا ٱلۡمَسِيحُ عِيسَى ٱبۡنُ مَرۡيَمَ رَسُولُ
ٱللَّهِ وَكَلِمَتُهُۥٓ أَلۡقَىٰهَآ إِلَىٰ مَرۡيَمَ وَرُوحٞ مِّنۡهُۖ فَـَٔامِنُواْ بِٱللَّهِ
وَرُسُلِهِۦۖ وَلَا تَقُولُواْ ثَلَٰثَةٌۚ ٱنتَهُواْ خَيۡرٗا لَّكُمۡۚ إِنَّمَا ٱللَّهُ إِلَٰهٞ
وَٰحِدٞۖ سُبۡحَانَهُۥٓ أَن يَكُونَ لَهُۥ وَلَدٞۘ لَّهُۥ مَا فِي ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَمَا فِي ٱلۡأَرۡضِۗ وَكَفَىٰ بِٱللَّهِ وَكِيلٗا ﴿171﴾ لَّن يَسۡتَنكِفَ
ٱلۡمَسِيحُ أَن يَكُونَ عَبۡدٗا لِّلَّهِ وَلَا ٱلۡمَلَٰٓئِكَةُ ٱلۡمُقَرَّبُونَۚ
وَمَن يَسۡتَنكِفۡ عَنۡ عِبَادَتِهِۦ وَيَسۡتَكۡبِرۡ فَسَيَحۡشُرُهُمۡ
إِلَيۡهِ جَمِيعٗا ﴿172﴾ فَأَمَّا ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ وَعَمِلُواْ ٱلصَّٰلِحَٰتِ
فَيُوَفِّيهِمۡ أُجُورَهُمۡ وَيَزِيدُهُم مِّن فَضۡلِهِۦۖ وَأَمَّا ٱلَّذِينَ
ٱسۡتَنكَفُواْ وَٱسۡتَكۡبَرُواْ فَيُعَذِّبُهُمۡ عَذَابًا أَلِيمٗا وَلَا
يَجِدُونَ لَهُم مِّن دُونِ ٱللَّهِ وَلِيّٗا وَلَا نَصِيرٗا ﴿173﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ
قَدۡ جَآءَكُم بُرۡهَٰنٞ مِّن رَّبِّكُمۡ وَأَنزَلۡنَآ إِلَيۡكُمۡ نُورٗا مُّبِينٗا ﴿174﴾
فَأَمَّا ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ بِٱللَّهِ وَٱعۡتَصَمُواْ بِهِۦ فَسَيُدۡخِلُهُمۡ
فِي رَحۡمَةٖ مِّنۡهُ وَفَضۡلٖ وَيَهۡدِيهِمۡ إِلَيۡهِ صِرَٰطٗا مُّسۡتَقِيمٗا ﴿175﴾

171. Ja Nies il-Ktieb *(l-aktar intom l-Insara)*, la tesaġerawx fir-reliġjon tagħkom, u la tgħidux dwar Alla għajr is-sewwa. Il-Messija Ġesù bin Marija ma kienx għajr il-Mibgħut ta' Alla u l-Kelma tiegħu li tefa' f'Marija, u ruħ minnu. Mela emmnu f'Alla u fil-Mibgħutin tiegħu, u la tgħidux *(li Alla huwa)* tlieta. Ieqfu *(minn dan il-kliem)*; *(dan ikun)* aħjar għalikom. Alla huwa biss Alla Wieħed; *(imfaħħar)* is-sebħ tiegħu; *(huwa Kbir u Għoli wisq)* biex ikollu iben. Tiegħu huwa kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art! Alla huwa biżżejjed *(għalikom)* biex jieħu ħsieb kollox.

172. Il-Messija ma huwiex se jistmerr li jkun il-qaddej ta' Alla *(u ma huwiex se jitkabbar)*, u lanqas l-eqreb anġli *(lejn Alla ma jistmerru li jkunu l-qaddejja tiegħu)*. *(Lil kull)* min jistmerr li jaqdih, u jitkabbar, *(Alla)* se jiġborhom lejh, ilkoll.

173. Lil dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba, Huwa jagħtihom il-ħlasijiet sħaħ tagħhom, u jżidhom *(fil-ħlas)* mit-tjieba tiegħu. Iżda lil dawk li stmerru *(li jkunu l-qaddejja tiegħu)* u tkabbru, arah jikkastigahom b'kastig ta' wġigħ, u huma ma jsibux għalihom, barra minn Alla, min iħarishom jew jgħinhom.

174. Ja nies, tassew ġietkom prova minn Sidkom *(fil-Profeta Muħammad)*, u niżżilna fuqkom Dawl fid-dieher *(il-Qoran)*.

175. Għalhekk lil dawk li emmnu f'Alla u żammu sħiħ fih, Huwa se jdaħħalhom fil-ħniena u fit-tjieba tiegħu, u jmexxihom lejh fi triq dritta.

يَسْتَفْتُونَكَ قُلِ ٱللَّهُ يُفْتِيكُمْ فِى ٱلْكَلَٰلَةِ ۚ إِنِ ٱمْرُؤٌا۟ هَلَكَ
لَيْسَ لَهُۥ وَلَدٌ وَلَهُۥٓ أُخْتٌ فَلَهَا نِصْفُ مَا تَرَكَ ۚ وَهُوَ يَرِثُهَآ
إِن لَّمْ يَكُن لَّهَا وَلَدٌ ۚ فَإِن كَانَتَا ٱثْنَتَيْنِ فَلَهُمَا ٱلثُّلُثَانِ مِمَّا تَرَكَ ۚ
وَإِن كَانُوٓا۟ إِخْوَةً رِّجَالًا وَنِسَآءً فَلِلذَّكَرِ مِثْلُ حَظِّ ٱلْأُنثَيَيْنِ ۗ
يُبَيِّنُ ٱللَّهُ لَكُمْ أَن تَضِلُّوا۟ ۗ وَٱللَّهُ بِكُلِّ شَىْءٍ عَلِيمٌۢ ﴿176﴾

سُورَةُ المَائِدَةِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

نصف الحزب 11

يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ أَوْفُوا۟ بِٱلْعُقُودِ ۚ أُحِلَّتْ لَكُم بَهِيمَةُ
ٱلْأَنْعَٰمِ إِلَّا مَا يُتْلَىٰ عَلَيْكُمْ غَيْرَ مُحِلِّى ٱلصَّيْدِ وَأَنتُمْ حُرُمٌ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ
يَحْكُمُ مَا يُرِيدُ ﴿1﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَا تُحِلُّوا۟ شَعَٰٓئِرَ ٱللَّهِ
وَلَا ٱلشَّهْرَ ٱلْحَرَامَ وَلَا ٱلْهَدْىَ وَلَا ٱلْقَلَٰٓئِدَ وَلَآ ءَآمِّينَ ٱلْبَيْتَ
ٱلْحَرَامَ يَبْتَغُونَ فَضْلًا مِّن رَّبِّهِمْ وَرِضْوَٰنًا ۚ وَإِذَا حَلَلْتُمْ فَٱصْطَادُوا۟ ۚ
وَلَا يَجْرِمَنَّكُمْ شَنَـَٔانُ قَوْمٍ أَن صَدُّوكُمْ عَنِ ٱلْمَسْجِدِ
ٱلْحَرَامِ أَن تَعْتَدُوا۟ ۘ وَتَعَاوَنُوا۟ عَلَى ٱلْبِرِّ وَٱلتَّقْوَىٰ ۖ وَلَا تَعَاوَنُوا۟
عَلَى ٱلْإِثْمِ وَٱلْعُدْوَٰنِ ۚ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ ۖ إِنَّ ٱللَّهَ شَدِيدُ ٱلْعِقَابِ ﴿2﴾

176. Huma jitolbuk deċiżjoni. Għid*(ilhom)*: "Alla jaqtagħhielkom *(hekk)* dwar dawk *(li jmutu)* mingħajr werrieta mill-qrib *(la ġenituri u lanqas ulied)*: Jekk imut raġel bla wild, iżda għandu oħt, din imissha nofs minn dak li ħalla. Huwa jiritha jekk ma jkollhiex tfal. Jekk *(il-werrieta)* ikunu żewġt aħwa bniet, imisshom żewġ terzi minn dak li ħalla. Jekk ikunu aħwa, irġiel u nisa, ir-raġel imissu s-sehem ta' żewġ nisa. Alla jurikom biċ-ċar *(x'għandkom tagħmlu)* biex ma tintilfux. Alla jaf b'kollox."

5. *Sūratu l-Mā'ida*

(Suret il-Mejda – Niżlet f'Medina b'120 vers)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Hanin.

1. Intom li temmnu, żommu l-pattijiet *(tagħkom)*. Jiswa għalikom *(li tieklu)* il-bhejjem tal-frat ħlief dak li huwa mħabbar lilkom *(f'din is-sura)*, mingħajr ma tippermettu l-kaċċa meta intom fi stat ta' *'iħrām (u mħejjija biex tagħmlu r-ritwali tal-pellegrinaġġ jew ta' l-għumra)*.[39] Tabilħaqq li Alla jamar dak li jrid.
2. Intom li temmnu, tonqsux lejn ir-riti ta' Alla, lejn ix-xahar il-qaddis *(hekk li titqatlu fih)*, lejn il-bhejjem offruti b'sagrifiċċju u l-bhejjem immarkati għall-offerta, jew lejn dawk li sejrin għall-kenn tad-dar imqaddsa *(il-Kagħba)*, ifittxu tjieba u għaxqa minn Sidhom. Iżda meta tinħallu mill-*'iħrām*, ikkaċċjaw *(kemm tridu)*. La tħallux li l-mibegħda għal nies li *(dari)* kienu żammukom *(milli tidħlu)* fil-Moskea mqaddsa twassalkom biex tiksru l-liġi *(bil-ġlied magħhom)*. Għinu lil xulxin bit-tjieba u l-biża' ta' Alla, u la tgħinux lil xulxin fil-ħtija u l-aggressjoni. U ibżgħu minn Alla; Alla tabilħaqq Qalil fil-kastig.

---

[39] *'iħrām*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

حُرِّمَتْ عَلَيْكُمُ الْمَيْتَةُ وَالدَّمُ وَلَحْمُ الْخِنزِيرِ وَمَا أُهِلَّ لِغَيْرِ اللَّهِ
بِهِ وَالْمُنْخَنِقَةُ وَالْمَوْقُوذَةُ وَالْمُتَرَدِّيَةُ وَالنَّطِيحَةُ وَمَا أَكَلَ
السَّبُعُ إِلَّا مَا ذَكَّيْتُمْ وَمَا ذُبِحَ عَلَى النُّصُبِ وَأَن تَسْتَقْسِمُوا
بِالْأَزْلَامِ ۚ ذَٰلِكُمْ فِسْقٌ ۗ الْيَوْمَ يَئِسَ الَّذِينَ كَفَرُوا مِن دِينِكُمْ
فَلَا تَخْشَوْهُمْ وَاخْشَوْنِ ۚ الْيَوْمَ أَكْمَلْتُ لَكُمْ دِينَكُمْ وَأَتْمَمْتُ
عَلَيْكُمْ نِعْمَتِي وَرَضِيتُ لَكُمُ الْإِسْلَامَ دِينًا ۚ فَمَنِ اضْطُرَّ فِي
مَخْمَصَةٍ غَيْرَ مُتَجَانِفٍ لِّإِثْمٍ ۙ فَإِنَّ اللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿3﴾
يَسْأَلُونَكَ مَاذَا أُحِلَّ لَهُمْ ۖ قُلْ أُحِلَّ لَكُمُ الطَّيِّبَاتُ ۙ وَمَا عَلَّمْتُم
مِّنَ الْجَوَارِحِ مُكَلِّبِينَ تُعَلِّمُونَهُنَّ مِمَّا عَلَّمَكُمُ اللَّهُ ۖ فَكُلُوا مِمَّا أَمْسَكْنَ
عَلَيْكُمْ وَاذْكُرُوا اسْمَ اللَّهِ عَلَيْهِ ۖ وَاتَّقُوا اللَّهَ ۚ إِنَّ اللَّهَ سَرِيعُ الْحِسَابِ
﴿4﴾ الْيَوْمَ أُحِلَّ لَكُمُ الطَّيِّبَاتُ ۖ وَطَعَامُ الَّذِينَ أُوتُوا الْكِتَابَ حِلٌّ
لَّكُمْ وَطَعَامُكُمْ حِلٌّ لَّهُمْ ۖ وَالْمُحْصَنَاتُ مِنَ الْمُؤْمِنَاتِ وَالْمُحْصَنَاتُ
مِنَ الَّذِينَ أُوتُوا الْكِتَابَ مِن قَبْلِكُمْ إِذَا آتَيْتُمُوهُنَّ أُجُورَهُنَّ
مُحْصِنِينَ غَيْرَ مُسَافِحِينَ وَلَا مُتَّخِذِي أَخْدَانٍ ۗ وَمَن يَكْفُرْ
بِالْإِيمَانِ فَقَدْ حَبِطَ عَمَلُهُ وَهُوَ فِي الْآخِرَةِ مِنَ الْخَاسِرِينَ ﴿5﴾

3. Ma jiswiex għalikom *(li tieklu dan li ġej: laħam ta')* l-annimali mejta, id-demm, laħam il-ħanżir, u kulma kien offrut *(lill-idoli)* minflok lil Alla, il-bhejjem fgati, maqtula b'daqqiet, *(il-bhejjem)* li jaqgħu mejta *(mill-għoli)*, li mietu b'daqqiet ta' qrun *(ta' bhejjem oħra)*, dak li l-annimal salvaġġ *(attakka)* u kiel *(biċċa minnu)*, ħlief jekk *(l-annimal attakkat ikun għadu ma mietx u)* toqtluh *(skond il-liġi)*, u dak midbuħ fuq midbaħ għall-idoli. *(Ma jiswiex ukoll)* li tużaw il-vleġeġ tat-tbassir biex tbassru xortikom jew biex tieħdu xi deċiżjoni. Dak huwa ħażen! Illum dawk li ma jemmnux qatgħu jieshom mid-din tagħkom *(għaliex jafu li ma jistgħux ixejnuh)*. Mela la tibżgħux minnhom, iżda ibżgħu minni! Illum għamilt id-din tagħkom perfett *(għaliex urejtkom dak li jiswa u dak li ma jiswiex)*, ġibt il-milja tat-tjieba tiegħi fuqkom, u għażiltilkom l-Islam bħala d-din *(tagħkom)*. Iżda min, minħabba l-ġuħ, ikollu *(jiekol mill-bhejjem projbiti li ssemmew)*, u mhux għaliex imil lejn id-dnub, Alla tabilħaqq Kollu Maħfra u Ħanin.

4. Jistaqsuk *(Muħammad x'ikel)* jiswa għalihom. Għid*(ilhom)*: "Jiswa *(li tieklu kulma)* hu tajjeb, u *(dak li jinqabad għalikom)* mit-tjur u mill-bhejjem tal-priża li intom għallimtu u ħarriġtu *(għall-kaċċa)*, kif għallimkom Alla. Mela kulu minn dak li jaqbdu għalikom, u semmu lsem Alla fuqu. U ibżgħu minn Alla; Alla tabilħaqq malajr jagħmel il-kontijiet."

5. Illum jiswa għalikom *(li tieklu)* it-tajjeb. L-ikel ta' dawk li ngħataw il-Ktieb jiswielkom, u l-ikel tagħkom jiswielhom, *(bħalma jiswa li tiżżewġu)* in-nisa safja li jemmnu u n-nisa safja minn *(fost)* dawk li ngħataw il-Ktieb qabilkom *(Lhud jew Insara)*, meta tagħtuhom il-ħlas *(tad-dota)* tagħhom, tkunu mwettqin fis-safa u ma tkunux mogħtijin għaż-żina, u lanqas iżżommu*(hom)* b'maħbubin *(biex tiżnu magħhom)*. Min jiċħad it-twemmin, għemilu jisfa fix-xejn, u fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)* huwa jkun mit-tellifin.

يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِذَا قُمْتُمْ إِلَى ٱلصَّلَوٰةِ فَٱغْسِلُوا۟
وُجُوهَكُمْ وَأَيْدِيَكُمْ إِلَى ٱلْمَرَافِقِ وَٱمْسَحُوا۟ بِرُءُوسِكُمْ
وَأَرْجُلَكُمْ إِلَى ٱلْكَعْبَيْنِ ۚ وَإِن كُنتُمْ جُنُبًا فَٱطَّهَّرُوا۟ ۚ
وَإِن كُنتُم مَّرْضَىٰٓ أَوْ عَلَىٰ سَفَرٍ أَوْ جَآءَ أَحَدٌ مِّنكُم مِّنَ ٱلْغَآئِطِ
أَوْ لَٰمَسْتُمُ ٱلنِّسَآءَ فَلَمْ تَجِدُوا۟ مَآءً فَتَيَمَّمُوا۟ صَعِيدًا طَيِّبًا
فَٱمْسَحُوا۟ بِوُجُوهِكُمْ وَأَيْدِيكُم مِّنْهُ ۚ مَا يُرِيدُ ٱللَّهُ
لِيَجْعَلَ عَلَيْكُم مِّنْ حَرَجٍ وَلَٰكِن يُرِيدُ لِيُطَهِّرَكُمْ
وَلِيُتِمَّ نِعْمَتَهُۥ عَلَيْكُمْ لَعَلَّكُمْ تَشْكُرُونَ ﴿6﴾
وَٱذْكُرُوا۟ نِعْمَةَ ٱللَّهِ عَلَيْكُمْ وَمِيثَٰقَهُ ٱلَّذِى وَاثَقَكُم
بِهِۦٓ إِذْ قُلْتُمْ سَمِعْنَا وَأَطَعْنَا ۖ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ عَلِيمٌۢ بِذَاتِ
ٱلصُّدُورِ ﴿7﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ كُونُوا۟ قَوَّٰمِينَ لِلَّهِ
شُهَدَآءَ بِٱلْقِسْطِ ۖ وَلَا يَجْرِمَنَّكُمْ شَنَـَٔانُ قَوْمٍ عَلَىٰٓ
أَلَّا تَعْدِلُوا۟ ۚ ٱعْدِلُوا۟ هُوَ أَقْرَبُ لِلتَّقْوَىٰ ۖ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ ۚ إِنَّ
ٱللَّهَ خَبِيرٌۢ بِمَا تَعْمَلُونَ ﴿8﴾ وَعَدَ ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟
وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ لَهُم مَّغْفِرَةٌ وَأَجْرٌ عَظِيمٌ ﴿9﴾

6. Intom li temmnu, meta tqumu għat-talb, aħslu wċuħkom u idejkom sa l-imniekeb, u imsħu rjuskom u *(aħslu)* riġlejkom sa l-għekiesi. Jekk tkunu mniġġsin *(wara att sesswali)*, araw li tissaffew *(billi taħslu ġisimkom kollu)*. Jekk tkunu morda *(u l-ħasil bl-ilma ma jagħmlilkomx tajjeb)*, inkella f'safar, jew xi ħadd minnkom ġie lura mill-ħtiġijiet naturali tiegħu, jew missejtu n-nisa *(sesswalment)*, u ma ssibux ilma, mela fittxu ramel *(jew trab)* safi u imsħu bih uċuħkom u idejkom. Alla ma jridx idejjaqkom, iżda jrid isaffikom *(minn dnubietkom)* u jġib il-milja tal-grazzja tiegħu fuqkom *(billi jurikom it-tagħlim ta' l-Islam)*, biex forsi tiżżu ħajr.

7. U ftakru fil-grazzja ta' Alla fuqkom *(meta għarrafkom bl-Islam)*, u fir-rabta tiegħu li rabatkom biha meta għedtu *(lill-Profeta Muħammad)*: "Smajna u obdejna!" U ibżgħu minn Alla; Alla tabilħaqq jaf b'dak li hemm fil-qlub.

8. Intom li temmnu, kunu sħaħ *(fil-qadi ta' dmirijietkom)* lejn Alla, u *(kunu)* xhieda bil-ħaqq. La tħallux li l-mibegħda tagħkom għal xi nies *(għedewwa tagħkom)* iġġegħelkom ma timxux bil-ħaqq. Imxu bil-ħaqq, *(għaliex)* dan huwa eqreb lejn l-imġiba t-tajba. U ibżgħu minn Alla; Alla tabilħaqq jaf sew b'dak li tagħmlu.

9. Lil dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba Alla wieghed maħfra u ħlas kbir *(fil-Ġenna)*.

وَالَّذِينَ كَفَرُوا۟ وَكَذَّبُوا۟ بِـَٔايَـٰتِنَآ أُو۟لَـٰٓئِكَ أَصْحَـٰبُ
ٱلْجَحِيمِ ﴿10﴾ يَـٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ٱذْكُرُوا۟ نِعْمَتَ
ٱللَّهِ عَلَيْكُمْ إِذْ هَمَّ قَوْمٌ أَن يَبْسُطُوٓا۟ إِلَيْكُمْ أَيْدِيَهُمْ
فَكَفَّ أَيْدِيَهُمْ عَنكُمْ ۖ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ ۚ وَعَلَى ٱللَّهِ فَلْيَتَوَكَّلِ
ٱلْمُؤْمِنُونَ ﴿11﴾ ۞ وَلَقَدْ أَخَذَ ٱللَّهُ مِيثَـٰقَ بَنِىٓ
إِسْرَٰٓءِيلَ ۖ وَبَعَثْنَا مِنْهُمُ ٱثْنَىْ عَشَرَ نَقِيبًا ۖ وَقَالَ ٱللَّهُ
إِنِّى مَعَكُمْ ۖ لَئِنْ أَقَمْتُمُ ٱلصَّلَوٰةَ وَءَاتَيْتُمُ ٱلزَّكَوٰةَ
وَءَامَنتُم بِرُسُلِى وَعَزَّرْتُمُوهُمْ وَأَقْرَضْتُمُ ٱللَّهَ قَرْضًا
حَسَنًا لَّأُكَفِّرَنَّ عَنكُمْ سَيِّـَٔاتِكُمْ وَلَأُدْخِلَنَّكُمْ
جَنَّـٰتٍ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَـٰرُ ۚ فَمَن كَفَرَ بَعْدَ
ذَٰلِكَ مِنكُمْ فَقَدْ ضَلَّ سَوَآءَ ٱلسَّبِيلِ ﴿12﴾ فَبِمَا
نَقْضِهِم مِّيثَـٰقَهُمْ لَعَنَّـٰهُمْ وَجَعَلْنَا قُلُوبَهُمْ قَـٰسِيَةً ۖ
يُحَرِّفُونَ ٱلْكَلِمَ عَن مَّوَاضِعِهِۦ وَنَسُوا۟ حَظًّا مِّمَّا
ذُكِّرُوا۟ بِهِۦ ۚ وَلَا تَزَالُ تَطَّلِعُ عَلَىٰ خَآئِنَةٍ مِّنْهُمْ إِلَّا قَلِيلًا مِّنْهُمْ ۖ
فَٱعْفُ عَنْهُمْ وَٱصْفَحْ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ يُحِبُّ ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿13﴾

ثلاثة أرباع
الحزب
11

10. U dawk li ma jemmnux u jgiddbu s-sinjali tagħna, dawk huma nies l-Infern.

11. Intom li temmnu, ftakru fil-grazzja ta' Alla fuqkom meta xi nies *(Lhud)* kienu qatgħuha li jmiddu idejhom fuqkom, iżda *(Alla)* żamm*(ilhom)* idejhom minn fuqkom. U ibżgħu minn Alla *(billi tagħmlu t-tajjeb u twarrbu l-ħażen)*! Ha jħallu f'idejn Alla *(u jittamaw fih)* dawk li jemmnu!

12. Alla daħal f'rabta ma' Wlied Israel, u Aħna bgħatna minnhom tnax-il mexxej *(wieħed minn kull tribù)*. U Alla qal: "Jiena tassew magħkom *(biex inħariskom u ngħinkom. Naħilfilkom)* li jekk tagħmlu t-talb u tagħtu l-karità, temmnu fil-Mibgħutin tiegħi, tagħtuhom ġieħ u tgħinuhom, u ssellfu lil Alla self tajjeb, tabilħaqq li naħfrilkom l-għemejjel ħżiena tagħkom u ndaħħalkom f'Ġonna bix-xmajjar *(ta' ilma, ħalib, inbid, u għasel)* jiġru taħthom. Iżda min minnkom, wara din *(ir-rabta, jibqa')* ma jemminx, ikun ħareġ mit-triq it-tajba."

13. Iżda minħabba li kisru r-rabta tagħhom, Aħna shetniehom *(billi ċaħħadniehom mill-ħniena tagħna)* u webbisnielhom qlubhom *(hekk li ma jilqgħux fihom it-twemmin. U arahom)* jgħawġu l-kliem *(tat-Torā u jaqilgħuh)* minn postu, u nsew parti minn dak li kienu mfakkra fih *(fit-Torā)*. U m'intix se tieqaf *(Muħammad)* issib il-ħjiena *(u l-qerq)* fosthom, għajr għal ftit minnhom *(li daħlu fl-Islam)*. Iżda *(minkejja dan, tikkastigahomx, anzi)* aħfrilhom u agħdirhom. Alla tabilħaqq iħobb lil dawk li jagħmlu t-tajjeb.

وَمِنَ ٱلَّذِينَ قَالُوٓاْ إِنَّا نَصَٰرَىٰٓ أَخَذْنَا مِيثَٰقَهُمْ
فَنَسُواْ حَظًّا مِّمَّا ذُكِّرُواْ بِهِۦ فَأَغْرَيْنَا بَيْنَهُمُ ٱلْعَدَٰوَةَ
وَٱلْبَغْضَآءَ إِلَىٰ يَوْمِ ٱلْقِيَٰمَةِ ۚ وَسَوْفَ يُنَبِّئُهُمُ ٱللَّهُ
بِمَا كَانُواْ يَصْنَعُونَ ﴿14﴾ يَٰٓأَهْلَ ٱلْكِتَٰبِ
قَدْ جَآءَكُمْ رَسُولُنَا يُبَيِّنُ لَكُمْ كَثِيرًا مِّمَّا
كُنتُمْ تُخْفُونَ مِنَ ٱلْكِتَٰبِ وَيَعْفُواْ عَن
كَثِيرٍ ۚ قَدْ جَآءَكُم مِّنَ ٱللَّهِ نُورٌ وَكِتَٰبٌ
مُّبِينٌ ﴿15﴾ يَهْدِى بِهِ ٱللَّهُ مَنِ ٱتَّبَعَ رِضْوَٰنَهُۥ
سُبُلَ ٱلسَّلَٰمِ وَيُخْرِجُهُم مِّنَ ٱلظُّلُمَٰتِ إِلَى
ٱلنُّورِ بِإِذْنِهِۦ وَيَهْدِيهِمْ إِلَىٰ صِرَٰطٍ مُّسْتَقِيمٍ
﴿16﴾ لَّقَدْ كَفَرَ ٱلَّذِينَ قَالُوٓاْ إِنَّ ٱللَّهَ هُوَ ٱلْمَسِيحُ
ٱبْنُ مَرْيَمَ ۚ قُلْ فَمَن يَمْلِكُ مِنَ ٱللَّهِ شَيْـًٔا إِنْ أَرَادَ
أَن يُهْلِكَ ٱلْمَسِيحَ ٱبْنَ مَرْيَمَ وَأُمَّهُۥ وَمَن فِى
ٱلْأَرْضِ جَمِيعًا ۗ وَلِلَّهِ مُلْكُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ
وَمَا بَيْنَهُمَا ۚ يَخْلُقُ مَا يَشَآءُ ۚ وَٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿17﴾

14. U ma' dawk li jgħidu: "Aħna Nsara" dħalna *(ukoll)* f'rabta, iżda nsew parti minn dak li kienu mfakkra fih *(l-Evanġelju)*. Għalhekk qanqalna bejniethom l-ostilità u l-mibegħda sa Jum il-Qawmien. *(Dakinhar)* Alla se jgħarrafhom b'dak li kienu jagħmlu.

15. Ja Nies il-Ktieb, ġiekom il-Mibgħut tagħna biex jurikom ħafna minn dak li kontu taħbu mill-Ktieb *(dwar it-twemmin fih bħala Profeta ta' Alla)*, għalkemm qabeż ħafna *(u ma qagħadx isemmi dak kollu li ħbejtu mill-Kotba tagħkom)*. U ġiekom Dawl minn Alla *(il-Qoran imqaddes)*, u Ktieb mill-aktar ċar.

16. Bih Alla jmexxi lejn it-toroq tas-sliem lil dawk li jħabirku biex jogħġbu lilu, u bir-rieda tiegħu joħroġhom mid-dlamijiet lejn id-dawl u jmexxihom lejn triq dritta *(li hi l-Islam)*.

17. Ċaħdu t-twemmin dawk li jgħidu: "Alla tabilħaqq huwa l-Messija bin Marija." .Għid*(ilhom Muħammad)*: "Min seta' jżomm lil Alla, kieku ried jeqred lill-Messija bin Marija, lil ommu, u lil kulmin jinsab fuq l-art?" Ta' Alla s-saltna tas-smewwiet u l-art, u dak li hemm bejniethom. Huwa joħloq li jrid, u Alla fuq kollox Setgħan.

وَقَالَتِ ٱلْيَهُودُ وَٱلنَّصَٰرَىٰ نَحْنُ أَبْنَٰٓؤُا۟ ٱللَّهِ وَأَحِبَّٰٓؤُهُۥ ۚ قُلْ
فَلِمَ يُعَذِّبُكُم بِذُنُوبِكُم ۖ بَلْ أَنتُم بَشَرٌ مِّمَّنْ خَلَقَ ۚ يَغْفِرُ لِمَن
يَشَآءُ وَيُعَذِّبُ مَن يَشَآءُ ۚ وَلِلَّهِ مُلْكُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ
وَمَا بَيْنَهُمَا ۖ وَإِلَيْهِ ٱلْمَصِيرُ ﴿18﴾ يَٰٓأَهْلَ ٱلْكِتَٰبِ قَدْ جَآءَكُمْ
رَسُولُنَا يُبَيِّنُ لَكُمْ عَلَىٰ فَتْرَةٍ مِّنَ ٱلرُّسُلِ أَن تَقُولُوا۟ مَا جَآءَنَا
مِنۢ بَشِيرٍ وَلَا نَذِيرٍ ۖ فَقَدْ جَآءَكُم بَشِيرٌ وَنَذِيرٌ ۗ وَٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ
شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿19﴾ وَإِذْ قَالَ مُوسَىٰ لِقَوْمِهِۦ يَٰقَوْمِ ٱذْكُرُوا۟
نِعْمَةَ ٱللَّهِ عَلَيْكُمْ إِذْ جَعَلَ فِيكُمْ أَنۢبِيَآءَ وَجَعَلَكُم مُّلُوكًا
وَءَاتَىٰكُم مَّا لَمْ يُؤْتِ أَحَدًا مِّنَ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿20﴾ يَٰقَوْمِ ٱدْخُلُوا۟
ٱلْأَرْضَ ٱلْمُقَدَّسَةَ ٱلَّتِى كَتَبَ ٱللَّهُ لَكُمْ وَلَا تَرْتَدُّوا۟ عَلَىٰٓ أَدْبَٰرِكُمْ
فَتَنقَلِبُوا۟ خَٰسِرِينَ ﴿21﴾ قَالُوا۟ يَٰمُوسَىٰٓ إِنَّ فِيهَا قَوْمًا جَبَّارِينَ
وَإِنَّا لَن نَّدْخُلَهَا حَتَّىٰ يَخْرُجُوا۟ مِنْهَا فَإِن يَخْرُجُوا۟ مِنْهَا
فَإِنَّا دَٰخِلُونَ ﴿22﴾ قَالَ رَجُلَانِ مِنَ ٱلَّذِينَ يَخَافُونَ
أَنْعَمَ ٱللَّهُ عَلَيْهِمَا ٱدْخُلُوا۟ عَلَيْهِمُ ٱلْبَابَ فَإِذَا دَخَلْتُمُوهُ
فَإِنَّكُمْ غَٰلِبُونَ ۚ وَعَلَى ٱللَّهِ فَتَوَكَّلُوٓا۟ إِن كُنتُم مُّؤْمِنِينَ ﴿23﴾

18. Il-Lhud u l-Insara jgħidu: "Aħna Wlied Alla, u l-maħbubin tiegħu." Għid*(ilhom Muħammad)*: "Mela għaliex jikkastigakom ta' dnubietkom? Le! Intom biss bnedmin minn dawk li ħalaq. Huwa jaħfer lil min irid, u jikkastiga lil min irid. U ta' Alla hija s-saltna tas-smewwiet u l-art, u dak li hemm bejniethom, u lejh it-tmiem *(ta' kulħadd)*."

19. Ja Nies il-Ktieb, ġiekom il-Mibgħut tagħna *(Muħammad)* biex jurikom biċ-ċar *(it-tagħlim ta' l-Islam)* wara żmien *(li kienu ilhom ma jidhru)* il-Mibgħutin *(fostkom – minn żmien Ġesù)*, biex ma tgħidux: "Ma ġiena *(ħadd)* bi bxara tajba, u lanqas min iwissi." Issa ġiekom tassew xi ħadd bi bxara tajba u bi twissija. Alla fuq kollox Setgħan.

20. *(Ftakar, Muħammad)* meta Mosè qal lil niesu: "Ja niesi, ftakru fil-grazzja ta' Alla fuqkom meta bagħat minn fostkom Profeti, u għamel minnkom slaten u takom dak li ma ta lil ħadd mill-ħolqien.

21. Ja niesi, idħlu fl-art imqaddsa li Alla kiteb għalikom, u la ddurux lura *(maħrubin)* għaliex inkella tingħelbu *(u tkunu)* tellifin."

22. Qalu: "Ja Mosè, fiha *(din l-art)* hemm nies ta' saħħa kbira, u m'aħniex se nidħlu fiha qabel ma joħorġu minnha *(mingħajr ġlied)*. Jekk joħorġu minnha, aħna nidħlu."

23. Żewġt irġiel minn dawk li jibżgħu *(minn Alla)*, u li Alla kien wera l-grazzja tiegħu magħhom, qalu: "Idħlu għalihom mill-bieb *(ewlieni tal-belt)*. Jekk tidħlu minnu, intom tabilħaqq ir-rebbiħin. U ħallu f'idejn Alla, jekk tassew temmnu."

قَالُوا۟ يَٰمُوسَىٰٓ إِنَّا لَن نَّدْخُلَهَآ أَبَدًا مَّا دَامُوا۟ فِيهَا ۖ فَٱذْهَبْ
أَنتَ وَرَبُّكَ فَقَٰتِلَآ إِنَّا هَٰهُنَا قَٰعِدُونَ ﴿24﴾ قَالَ رَبِّ
إِنِّى لَآ أَمْلِكُ إِلَّا نَفْسِى وَأَخِى ۖ فَٱفْرُقْ بَيْنَنَا وَبَيْنَ ٱلْقَوْمِ
ٱلْفَٰسِقِينَ ﴿25﴾ قَالَ فَإِنَّهَا مُحَرَّمَةٌ عَلَيْهِمْ أَرْبَعِينَ سَنَةً ۛ
يَتِيهُونَ فِى ٱلْأَرْضِ ۗ فَلَا تَأْسَ عَلَى ٱلْقَوْمِ ٱلْفَٰسِقِينَ
﴿26﴾ ۞ وَٱتْلُ عَلَيْهِمْ نَبَأَ ٱبْنَىْ ءَادَمَ بِٱلْحَقِّ إِذْ قَرَّبَا قُرْبَانًا
فَتُقُبِّلَ مِنْ أَحَدِهِمَا وَلَمْ يُتَقَبَّلْ مِنَ ٱلْءَاخَرِ ۚ قَالَ لَأَقْتُلَنَّكَ ۖ
قَالَ إِنَّمَا يَتَقَبَّلُ ٱللَّهُ مِنَ ٱلْمُتَّقِينَ ﴿27﴾ لَئِنۢ بَسَطتَ إِلَىَّ يَدَكَ
لِتَقْتُلَنِى مَآ أَنَا۠ بِبَٰسِطٍ يَدِىَ إِلَيْكَ لِأَقْتُلَكَ ۖ إِنِّىٓ أَخَافُ ٱللَّهَ
رَبَّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿28﴾ إِنِّىٓ أُرِيدُ أَن تَبُوٓأَ بِإِثْمِى وَإِثْمِكَ فَتَكُونَ
مِنْ أَصْحَٰبِ ٱلنَّارِ ۚ وَذَٰلِكَ جَزَٰٓؤُا۟ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿29﴾ فَطَوَّعَتْ
لَهُۥ نَفْسُهُۥ قَتْلَ أَخِيهِ فَقَتَلَهُۥ فَأَصْبَحَ مِنَ ٱلْخَٰسِرِينَ ﴿30﴾
فَبَعَثَ ٱللَّهُ غُرَابًا يَبْحَثُ فِى ٱلْأَرْضِ لِيُرِيَهُۥ كَيْفَ يُوَٰرِى
سَوْءَةَ أَخِيهِ ۚ قَالَ يَٰوَيْلَتَىٰٓ أَعَجَزْتُ أَنْ أَكُونَ مِثْلَ هَٰذَا
ٱلْغُرَابِ فَأُوَٰرِىَ سَوْءَةَ أَخِى ۖ فَأَصْبَحَ مِنَ ٱلنَّٰدِمِينَ ﴿31﴾

الحزب 12

24. Qalu: "Ja Mosè, qatt m'aħna se nidħlu fiha *(dik l-art)* kemm idumu fiha. Mela mur inti u Sidek, u tqabdu! Aħna tabilħaqq hawnhekk se noqogħdu."
25. Qal *(Mosè)*: "Sidi, ma għandix setgħa ħlief fuqi nnifsi u fuq ħija *(Aron)*. Għalhekk ofroq bejnna u bejn in-nies il-ħżiena *(bil-ħaqq tiegħek)*."
26. *(Alla)* qal: "Hija *(l-art imqaddsa)* miċħuda għalihom għal erbgħin sena *(li matulhom)* iterrqu mitlufin fuq l-art. La titnikkitx minħabba *(dawn)* in-nies il-ħżiena."
27. U semmagħlhom *(Muħammad, lil-Lhud u lil kulmin hu bħalhom)*, bil-ħaqq, il-ġrajja taż-żewġ ulied ta' Adam *(Abel u Kajin)* meta offrew sagrifiċċju, u minn wieħed minnhom *(minn Abel)* intlaqa', u mill-ieħor *(Kajin)* ma ntlaqax. *(Kajin)* qal: "Żgur li noqtlok!" *(Iżda Abel)* qal: "Alla jilqa' biss *(sagrifiċċji)* minn dawk li jibżgħu minnu.
28. Jekk tmidd idek fuqi biex toqtolni, m'iniex se mmidd idi fuqek biex noqtlok. Jiena tabilħaqq nibża' minn Alla, Sid il-ħolqien.
29. Jiena rrid li inti titgħabba bil-ħtija tiegħi u bil-ħtija tiegħek, u b'hekk tkun minn nies in-Nar. Dak huwa l-ħlas tal-ħżiena."
30. Bil-qtil ta' ħuh *(Abel)* webblitu ruħu *(il-ħażina)*, u qatlu u sar mit-tellifin.
31. Imbagħad Alla bagħat ċawla tħaffer l-art biex jurih kif jaħbi l-ġisem għeri ta' ħuh. Huwa qal: "Ħażin għalija! Ma stajtx inkun bħal din iċ-ċawla u naħbi l-ġisem għeri ta' ħija?" Imbagħad sar min-nedmin.

مِنْ أَجْلِ ذَٰلِكَ كَتَبْنَا عَلَىٰ بَنِيٓ إِسْرَٰٓءِيلَ أَنَّهُۥ مَن قَتَلَ
نَفْسًۢا بِغَيْرِ نَفْسٍ أَوْ فَسَادٍ فِى ٱلْأَرْضِ فَكَأَنَّمَا قَتَلَ
ٱلنَّاسَ جَمِيعًا وَمَنْ أَحْيَاهَا فَكَأَنَّمَآ أَحْيَا ٱلنَّاسَ
جَمِيعًا ۚ وَلَقَدْ جَآءَتْهُمْ رُسُلُنَا بِٱلْبَيِّنَٰتِ ثُمَّ إِنَّ كَثِيرًا
مِّنْهُم بَعْدَ ذَٰلِكَ فِى ٱلْأَرْضِ لَمُسْرِفُونَ ﴿32﴾ إِنَّمَا
جَزَٰٓؤُا۟ ٱلَّذِينَ يُحَارِبُونَ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ وَيَسْعَوْنَ فِى ٱلْأَرْضِ
فَسَادًا أَن يُقَتَّلُوٓا۟ أَوْ يُصَلَّبُوٓا۟ أَوْ تُقَطَّعَ أَيْدِيهِمْ
وَأَرْجُلُهُم مِّنْ خِلَٰفٍ أَوْ يُنفَوْا۟ مِنَ ٱلْأَرْضِ ۚ ذَٰلِكَ
لَهُمْ خِزْىٌ فِى ٱلدُّنْيَا ۖ وَلَهُمْ فِى ٱلْءَاخِرَةِ عَذَابٌ عَظِيمٌ
﴿33﴾ إِلَّا ٱلَّذِينَ تَابُوا۟ مِن قَبْلِ أَن تَقْدِرُوا۟ عَلَيْهِمْ ۖ فَٱعْلَمُوٓا۟
أَنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿34﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟
ٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَٱبْتَغُوٓا۟ إِلَيْهِ ٱلْوَسِيلَةَ وَجَٰهِدُوا۟ فِى سَبِيلِهِۦ
لَعَلَّكُمْ تُفْلِحُونَ ﴿35﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لَوْ أَنَّ
لَهُم مَّا فِى ٱلْأَرْضِ جَمِيعًا وَمِثْلَهُۥ مَعَهُۥ لِيَفْتَدُوا۟ بِهِۦ مِنْ
عَذَابِ يَوْمِ ٱلْقِيَٰمَةِ مَا تُقُبِّلَ مِنْهُمْ ۖ وَلَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿36﴾

32. Minħabba f'hekk ktibna *(l-amar tagħna)* lil Ulied Israel li min joqtol bniedem, jekk mhux bi tpattija għall-qtil ta' xi ħaddieħor, jew minħabba inġustizzja fuq l-art, ikun bħallikieku qatel il-bnedmin kollha. U min jeħles il-ħajja *(ta' xi ħadd)*, ikun bħallikieku ħelisha lill-bnedmin kollha. Il-Mibgħutin tagħna ġewhom *(lil-Lhud)* bis-sinjali ċ-ċari, imbagħad minkejja dan, ħafna minnhom għamlu ħażen kbir fuq l-art.

33. Ma hemmx ħlas għal dawk li jitqatlu kontra Alla u l-Mibgħut tiegħu, u jħabirku *(biex iġibu)* il-korruzzjoni fuq l-art, ħlief li jinqatlu, jew li jissallbu, jew li jinqatgħu idejhom u riġlejhom – id ta' naħa u riġel ta' naħa oħra – jew li jitkeċċew mill-art *(fejn twieldu)*. Dak ikun l-għajb tagħhom f'*(din)* id-dinja, u fl-Oħra jkollhom kastig mill-kbar,

34. ħlief dawk li *(jilħqu)* jindmu qabel ma tkunu tistgħu għalihom *(u tikkastigawhom)*. Għaliex kunu afu li Alla huwa Kollu Maħfra u Ħanin.

35. Intom li temmnu, ibżgħu minn Alla, fittxu t-triq għal għandu u ħabirku għalih, biex forsi tirbħu.

36. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux, li kieku kellhom kulma jinsab fuq l-art u *(żid)* miegħu daqsu *(ukoll)*, biex bih jinfdew mill-kastig ta' Jum il-Qawmien, *(dan)* ma jintlaqax minnhom, u tagħhom ikun kastig ta' wġigħ.

يُرِيدُونَ أَن يَخْرُجُوا۟ مِنَ ٱلنَّارِ وَمَا هُم بِخَٰرِجِينَ مِنْهَا ۖ
وَلَهُمْ عَذَابٌ مُّقِيمٌ ﴿37﴾ وَٱلسَّارِقُ وَٱلسَّارِقَةُ فَٱقْطَعُوٓا۟
أَيْدِيَهُمَا جَزَآءًۢ بِمَا كَسَبَا نَكَٰلًا مِّنَ ٱللَّهِ ۗ وَٱللَّهُ عَزِيزٌ حَكِيمٌ
﴿38﴾ فَمَن تَابَ مِنۢ بَعْدِ ظُلْمِهِۦ وَأَصْلَحَ فَإِنَّ ٱللَّهَ يَتُوبُ
عَلَيْهِ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿39﴾ أَلَمْ تَعْلَمْ أَنَّ ٱللَّهَ لَهُۥ مُلْكُ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ يُعَذِّبُ مَن يَشَآءُ وَيَغْفِرُ لِمَن يَشَآءُ ۗ
وَٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿40﴾ ۞ يَٰٓأَيُّهَا ٱلرَّسُولُ
لَا يَحْزُنكَ ٱلَّذِينَ يُسَٰرِعُونَ فِى ٱلْكُفْرِ مِنَ ٱلَّذِينَ
قَالُوٓا۟ ءَامَنَّا بِأَفْوَٰهِهِمْ وَلَمْ تُؤْمِن قُلُوبُهُمْ ۛ وَمِنَ ٱلَّذِينَ
هَادُوا۟ ۛ سَمَّٰعُونَ لِلْكَذِبِ سَمَّٰعُونَ لِقَوْمٍ
ءَاخَرِينَ لَمْ يَأْتُوكَ ۖ يُحَرِّفُونَ ٱلْكَلِمَ مِنۢ بَعْدِ مَوَاضِعِهِۦ ۖ
يَقُولُونَ إِنْ أُوتِيتُمْ هَٰذَا فَخُذُوهُ وَإِن لَّمْ تُؤْتَوْهُ فَٱحْذَرُوا۟ ۚ
وَمَن يُرِدِ ٱللَّهُ فِتْنَتَهُۥ فَلَن تَمْلِكَ لَهُۥ مِنَ ٱللَّهِ شَيْـًٔا ۚ
أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ لَمْ يُرِدِ ٱللَّهُ أَن يُطَهِّرَ قُلُوبَهُمْ ۚ لَهُمْ فِى
ٱلدُّنْيَا خِزْىٌ ۖ وَلَهُمْ فِى ٱلْءَاخِرَةِ عَذَابٌ عَظِيمٌ ﴿41﴾

ربع الحزب 12

37. *(Dakinhar ikunu)* iridu joħorġu min-Nar *(ta' l-Infern)*, iżda ma humiex ħerġin minnu. Tagħhom huwa kastig li jibqa' għal dejjem.

38. U lill-ħalliel u lill-ħalliela aqtgħulhom idejhom bi ħlas ta' dak li huma t-tnejn għamlu, u bħala kastig b'tagħlima minn Alla. Alla huwa Qawwi u Għaref.

39. Iżda min jindem, wara l-ħażen tiegħu, u jsewwi l-imġiba tiegħu, tabilħaqq li Alla jdur lejh bil-maħfra. Alla tassew Kollu Maħfra u Ħanin.

40. Mela ma tafx li Alla għandu s-saltna tas-smewwiet u l-art, jikkastiga lil min irid u jaħfer lil min irid? Alla fuq kollox Setgħan.

41. Ja Mibgħut *(Muħammad)*, ara li ma jnikktukx dawk li jimpikaw u jħabirku *(bi kliemhom u għemilhom)* fiċ-ċaħda tat-twemmin; dawk li jgħidu: "Nemmnu!" b'fommhom *(biss)*, iżda qlubhom ma jemmnux. U *(titnikkitx)* minħabba l-Lhud li jħobbu jisimgħu l-gideb, *(u li huma)* semmiegħa għal nies oħra li ma ġewkx *(biex jisimgħuk, għaliex tkabbru)*. Huma jgħawġu l-kliem *(tat-Torā u jaqilgħuh)* minn postu, u jgħidu: "Jekk tingħataw dan *(il-ġudizzju li jaqbel lilna)*, ħuduh, iżda jekk ma jingħatalkomx, moħħkom hemm!" Lil min Alla jrid iġarrab *(b'nuqqas ta' twemmin, jew billi joħorġu mit-triq it-tajba)*, inti ma tista' tagħmel xejn għalih kontra Alla. Dawk huma *(in-nies il-ħżiena)* li Alla ma jridx isaffi qlubhom. F'*(din)* id-dinja għandhom għajb, u fl-Oħra għandhom kastig mill-kbar.

سَمَّٰعُونَ لِلْكَذِبِ أَكَّٰلُونَ لِلسُّحْتِ ۚ فَإِن جَآءُوكَ
فَٱحْكُم بَيْنَهُمْ أَوْ أَعْرِضْ عَنْهُمْ ۖ وَإِن تُعْرِضْ عَنْهُمْ فَلَن
يَضُرُّوكَ شَيْـًٔا ۖ وَإِنْ حَكَمْتَ فَٱحْكُم بَيْنَهُم بِٱلْقِسْطِ ۚ
إِنَّ ٱللَّهَ يُحِبُّ ٱلْمُقْسِطِينَ ﴿42﴾ وَكَيْفَ يُحَكِّمُونَكَ وَعِندَهُمُ
ٱلتَّوْرَىٰةُ فِيهَا حُكْمُ ٱللَّهِ ثُمَّ يَتَوَلَّوْنَ مِنۢ بَعْدِ ذَٰلِكَ ۚ
وَمَآ أُو۟لَٰٓئِكَ بِٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿43﴾ إِنَّآ أَنزَلْنَا ٱلتَّوْرَىٰةَ فِيهَا
هُدًى وَنُورٌ ۚ يَحْكُمُ بِهَا ٱلنَّبِيُّونَ ٱلَّذِينَ أَسْلَمُوا۟ لِلَّذِينَ
هَادُوا۟ وَٱلرَّبَّٰنِيُّونَ وَٱلْأَحْبَارُ بِمَا ٱسْتُحْفِظُوا۟ مِن كِتَٰبِ
ٱللَّهِ وَكَانُوا۟ عَلَيْهِ شُهَدَآءَ ۚ فَلَا تَخْشَوُا۟ ٱلنَّاسَ
وَٱخْشَوْنِ وَلَا تَشْتَرُوا۟ بِـَٔايَٰتِى ثَمَنًا قَلِيلًا ۚ وَمَن لَّمْ يَحْكُم
بِمَآ أَنزَلَ ٱللَّهُ فَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْكَٰفِرُونَ ﴿44﴾ وَكَتَبْنَا عَلَيْهِمْ
فِيهَآ أَنَّ ٱلنَّفْسَ بِٱلنَّفْسِ وَٱلْعَيْنَ بِٱلْعَيْنِ وَٱلْأَنفَ
بِٱلْأَنفِ وَٱلْأُذُنَ بِٱلْأُذُنِ وَٱلسِّنَّ بِٱلسِّنِّ وَٱلْجُرُوحَ
قِصَاصٌ ۚ فَمَن تَصَدَّقَ بِهِۦ فَهُوَ كَفَّارَةٌ لَّهُۥ ۚ وَمَن
لَّمْ يَحْكُم بِمَآ أَنزَلَ ٱللَّهُ فَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلظَّٰلِمُونَ ﴿45﴾

42. Semmiegħa tal-gideb u wikkiela ta' kulma hu illegali! Jekk jiġu għandek *(Muħammad, bil-kwistjonijiet tagħhom, jekk trid)*, agħmel ħaqq minnhom jew *(inkella)* warrab minnhom. Jekk twarrab minnhom, ma humiex se jagħmlulek ħsara *(għaliex Alla miegħek)*, iżda jekk tagħmel ħaqq, agħmel ħaqq minnhom b'ġustizzja. Alla tabilħaqq iħobb lill-ġusti.

43. U kif iqabbduk tagħmel ħaqq minnhom, meta għandhom it-*Torā* li fiha l-amar ta' Alla *(u li għandha tkun biżżejjed għalihom)*? Imbagħad minkejja dan, *(tarahom)* jagħtu daharhom *(lil dak li tkun qtajt għalihom, u ma jagħtux widen)*. Dawk ma jemmnux *(tassew)*.

44. Aħna tabilħaqq niżżilna *t-Torā (lil Mosè)* li fiha tmexxija tajba u dawl. Biha l-Profeti li ntelqu għar-rieda ta' Alla jagħmlu ħaqq mil-Lhud, u *(hekk għamlu)* ir-rabbini u l-għorrief *(Lhud)* skond dak li tqabbdu: li jżommu sħiħ mal-Ktieb ta' Alla u jkunu xhieda tiegħu *(u jaraw li ma jsir ebda tibdil fih)*. Għalhekk *(intom l-għorrief tal-Lhud)* la tibżgħux min-nies *(u tkellmu bla biża' magħhom dwar Muħammad)*, iżda ibżgħu minni, u tbigħux ir-Rivelazzjoni tiegħi bi prezz irħis *(tat-tixħim, biex taħbu taqsimiet mill-Ktieb tagħkom)*. U min ma jagħmilx ħaqq skond dak li niżżel Alla, dawk huma li ma jemmnux.

45. Fiha *(it-Torā)* Aħna ktibna għalihom li l-ħajja *(titpatta)* bil-ħajja, l-għajn bl-għajn, l-imnieħer bl-imnieħer, il-widna bil-widna, is-sinna bis-sinna, u l-ġrieħi *(jitħallsu)* bi tpattija. Iżda min, b'karità, ma jpattihiex, jinħafrulu dnubietu. Dawk li ma jagħmlux ħaqq skond dak li niżżel Alla, dawk huma l-ħżiena.

وَقَفَّيْنَا عَلَىٰٓ ءَاثَٰرِهِم بِعِيسَى ٱبْنِ مَرْيَمَ مُصَدِّقًا لِّمَا بَيْنَ يَدَيْهِ مِنَ
ٱلتَّوْرَىٰةِ ۖ وَءَاتَيْنَٰهُ ٱلْإِنجِيلَ فِيهِ هُدًى وَنُورٌ وَمُصَدِّقًا لِّمَا بَيْنَ
يَدَيْهِ مِنَ ٱلتَّوْرَىٰةِ وَهُدًى وَمَوْعِظَةً لِّلْمُتَّقِينَ ﴿46﴾ وَلْيَحْكُمْ
أَهْلُ ٱلْإِنجِيلِ بِمَآ أَنزَلَ ٱللَّهُ فِيهِ ۚ وَمَن لَّمْ يَحْكُم بِمَآ أَنزَلَ
ٱللَّهُ فَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْفَٰسِقُونَ ﴿47﴾ وَأَنزَلْنَآ إِلَيْكَ ٱلْكِتَٰبَ
بِٱلْحَقِّ مُصَدِّقًا لِّمَا بَيْنَ يَدَيْهِ مِنَ ٱلْكِتَٰبِ وَمُهَيْمِنًا
عَلَيْهِ ۖ فَٱحْكُم بَيْنَهُم بِمَآ أَنزَلَ ٱللَّهُ ۖ وَلَا تَتَّبِعْ أَهْوَآءَهُمْ
عَمَّا جَآءَكَ مِنَ ٱلْحَقِّ ۚ لِكُلٍّ جَعَلْنَا مِنكُمْ شِرْعَةً وَمِنْهَاجًا ۚ
وَلَوْ شَآءَ ٱللَّهُ لَجَعَلَكُمْ أُمَّةً وَٰحِدَةً وَلَٰكِن لِّيَبْلُوَكُمْ فِى مَآ
ءَاتَىٰكُمْ ۖ فَٱسْتَبِقُوا۟ ٱلْخَيْرَٰتِ ۚ إِلَى ٱللَّهِ مَرْجِعُكُمْ جَمِيعًا
فَيُنَبِّئُكُم بِمَا كُنتُمْ فِيهِ تَخْتَلِفُونَ ﴿48﴾ وَأَنِ ٱحْكُم بَيْنَهُم بِمَآ
أَنزَلَ ٱللَّهُ وَلَا تَتَّبِعْ أَهْوَآءَهُمْ وَٱحْذَرْهُمْ أَن يَفْتِنُوكَ عَنۢ
بَعْضِ مَآ أَنزَلَ ٱللَّهُ إِلَيْكَ ۖ فَإِن تَوَلَّوْا۟ فَٱعْلَمْ أَنَّمَا يُرِيدُ ٱللَّهُ أَن يُصِيبَهُم
بِبَعْضِ ذُنُوبِهِمْ ۗ وَإِنَّ كَثِيرًا مِّنَ ٱلنَّاسِ لَفَٰسِقُونَ ﴿49﴾ أَفَحُكْمَ
ٱلْجَٰهِلِيَّةِ يَبْغُونَ ۚ وَمَنْ أَحْسَنُ مِنَ ٱللَّهِ حُكْمًا لِّقَوْمٍ يُوقِنُونَ ﴿50﴾

46. Fil-passi tagħhom *(tal-Profeti)* bgħatna lil Ġesù bin Marija, iseddaq *it-Torā* li kienet *(tniżżlet)* qablu. U tajnieh l-Evanġelju li fih tmexxija tajba u dawl, u jseddaq it-*Torā* li kienet *(tniżżlet)* qablu, u tmexxija tajba u twissija lil dawk li jibżgħu minn Alla.

47. Ħalli jagħmlu ħaqq, Nies l-Evanġelju, skond *(it-tagħlim)* li Alla niżżel fih, u min ma jagħmilx ħaqq skond dak li niżżel Alla, dawk huma l-ħżiena.

48. U niżżilnielek *(Muħammad)* il-Ktieb bis-sewwa, iseddaq il-Ktieb li *(tniżżel)* qablu, u jħarsu u jsaltan fuqu. Mela agħmel ħaqq minnhom skond dak li niżżel Alla u la timxix wara x-xewqat tagħhom, flok *(ma timxi wara)* is-sewwa li ġiek. Lil kull wieħed minnkom *(il-ġnus)* għamilna liġi u triq ċara. Li kieku ried, Alla kien jagħmilkom nazzjon wieħed *(b'reliġjon waħda)*, iżda *(ma għamilx hekk)* biex iġarrabkom b'dak li takom *(biex jara min joqgħod għaliħ u min jeħodha kontrih)*. Mela impikaw fl-għemejjel it-tajba. Lejn Alla l-wasla lura tagħkom ilkoll, u *(imbagħad)* jgħarrafkom b'dak li ma kontux taqblu fuqu.

49. U agħmel ħaqq minnhom *(Muħammad)* skond dak li niżżel Alla. La timxix fuq ix-xewqat tagħhom, u ara li ma jfixklukx f'xi ħaġa minn dak li Alla niżżillek. U jekk jagħtu*(k)* daharhom *(u ma jagħtux widen)*, kun af li Alla jrid jolqothom *(bil-kastig tiegħu)* minħabba xi dnubiet tagħhom. U tabilħaqq li ħafna min-nies huma mogħtija għall-ħażen.

50. Jaqaw ifittxu l-ħaqq ta' żmien l-injuranza *(ta' qabel l-Islam)*? U min jagħmel ħaqq aħjar minn Alla, għal ġens li huwa shiħ fit-twemmin?

نصف الحزب 12

۞ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَا تَتَّخِذُوا۟ ٱلْيَهُودَ وَٱلنَّصَٰرَىٰٓ أَوْلِيَآءَ ۘ بَعْضُهُمْ
أَوْلِيَآءُ بَعْضٍ ۚ وَمَن يَتَوَلَّهُم مِّنكُمْ فَإِنَّهُۥ مِنْهُمْ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ
ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿51﴾ فَتَرَى ٱلَّذِينَ فِى قُلُوبِهِم مَّرَضٌ يُسَٰرِعُونَ فِيهِمْ
يَقُولُونَ نَخْشَىٰٓ أَن تُصِيبَنَا دَآئِرَةٌ ۚ فَعَسَى ٱللَّهُ أَن يَأْتِىَ بِٱلْفَتْحِ أَوْ أَمْرٍ
مِّنْ عِندِهِۦ فَيُصْبِحُوا۟ عَلَىٰ مَآ أَسَرُّوا۟ فِىٓ أَنفُسِهِمْ نَٰدِمِينَ ﴿52﴾
وَيَقُولُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ أَهَٰٓؤُلَآءِ ٱلَّذِينَ أَقْسَمُوا۟ بِٱللَّهِ جَهْدَ أَيْمَٰنِهِمْ ۙ
إِنَّهُمْ لَمَعَكُمْ ۚ حَبِطَتْ أَعْمَٰلُهُمْ فَأَصْبَحُوا۟ خَٰسِرِينَ ﴿53﴾ يَٰٓأَيُّهَا
ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ مَن يَرْتَدَّ مِنكُمْ عَن دِينِهِۦ فَسَوْفَ يَأْتِى ٱللَّهُ بِقَوْمٍ يُحِبُّهُمْ
وَيُحِبُّونَهُۥٓ أَذِلَّةٍ عَلَى ٱلْمُؤْمِنِينَ أَعِزَّةٍ عَلَى ٱلْكَٰفِرِينَ يُجَٰهِدُونَ فِى
سَبِيلِ ٱللَّهِ وَلَا يَخَافُونَ لَوْمَةَ لَآئِمٍ ۚ ذَٰلِكَ فَضْلُ ٱللَّهِ يُؤْتِيهِ مَن يَشَآءُ ۚ
وَٱللَّهُ وَٰسِعٌ عَلِيمٌ ﴿54﴾ إِنَّمَا وَلِيُّكُمُ ٱللَّهُ وَرَسُولُهُۥ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ٱلَّذِينَ
يُقِيمُونَ ٱلصَّلَوٰةَ وَيُؤْتُونَ ٱلزَّكَوٰةَ وَهُمْ رَٰكِعُونَ ﴿55﴾ وَمَن يَتَوَلَّ ٱللَّهَ
وَرَسُولَهُۥ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ فَإِنَّ حِزْبَ ٱللَّهِ هُمُ ٱلْغَٰلِبُونَ ﴿56﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ لَا تَتَّخِذُوا۟ ٱلَّذِينَ ٱتَّخَذُوا۟ دِينَكُمْ هُزُوًا وَلَعِبًا مِّنَ ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟
ٱلْكِتَٰبَ مِن قَبْلِكُمْ وَٱلْكُفَّارَ أَوْلِيَآءَ ۚ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ إِن كُنتُم مُّؤْمِنِينَ ﴿57﴾

51. Intom li temmnu, la teħdux il-Lhud u l-Insara b'alleati *(kontra l-Misilmin)*; huma ħbieb u alleati ta' xulxin *(u mhux tagħkom)*. U min minnkom jeħodhom b'alleati, isir minnhom. Alla tabilħaqq ma jurix it-triq it-tajba lin-nies il-ħżiena.

52. U tara lil dawk li fi qlubhom *(għandhom il-)* marda *(tal-wiċċ b'ieħor)* jgħaġġlu lejhom u jgħidu: "*(Aħna nagħmluha magħhom għaliex)* nibżgħu li xortina ddur *(kontrina, u l-Lhud jegħlbu l-Misilmin)*." Jista' jkun li Alla jġib*(lek, Muħammad)* ir-rebħa *(fuq Mekka)*, jew *(ikun hemm)* xi amar mingħandu *(li jġibilhom il-qerda lill-għedewwa ta' l-Islam)*, u *(ta' wiċċ b'ieħor)* jindmu minn dak li kienu jostru fihom infushom.

53. U dawk li jemmnu jgħidu *(dwar dawk ta' wiċċ b'ieħor)*: "Jaqaw dawn huma dawk li ħalfu b'Alla, bl-aqwa ħalf, li huma kienu tassew magħkom?" L-għemejjel tagħhom sfaw fix-xejn, u saru tellifin *(f'din id-dinja u fl-Oħra)*.

54. Intom li temmnu, min minnkom jerġa' lura mid-din tiegħu, Alla se jġib *(flokhom)* ġens *(li Huwa jkun)* iħobbhom, u huma jħobbuh, ikunu umli ma' dawk li jemmnu u qliel ma' dawk li ma jemmnux, iħabirku għal Alla, u ma jibżgħux mil-lewm ta' min ilum. Dik hija t-tjieba ta' Alla. Huwa jagħtiha lil min irid. Alla jesa' kollox, u jaf kollox.

55. Il-ħabib u l-alleat tagħkom ma huwa ħadd ħlief Alla, il-Mibgħut tiegħu *(Muħammad)*, dawk li jemmnu, li jagħmlu t-talb u jagħtu l-karità, u jmilu *(kollhom qima lejn Alla)*.

56. U min iżomm ma' Alla, mal-Mibgħut tiegħu u *(ma')* dawk li jemmnu, tabilħaqq *(isiru jafu li din)* hija l-ġemgħa ta' Alla; huma r-rebbiħin!

57. Intom li temmnu, la teħdux lil dawk li jieħdu d-din tagħkom biċ-ċajt u l-logħob, minn fost dawk *(il-Lhud u l-Insara)* li ngħataw il-Ktieb qabilkom, u dawk li ma jemmnux, bi ħbieb u alleati. U ibżgħu minn Alla, jekk *(tassew)* temmnu.

وَإِذَا نَادَيْتُمْ إِلَى الصَّلَوٰةِ اتَّخَذُوهَا هُزُوًا وَلَعِبًا ۚ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمْ قَوْمٌ
لَّا يَعْقِلُونَ ﴿58﴾ قُلْ يَا أَهْلَ الْكِتَٰبِ هَلْ تَنقِمُونَ مِنَّآ إِلَّآ أَنْ ءَامَنَّا
بِاللَّهِ وَمَآ أُنزِلَ إِلَيْنَا وَمَآ أُنزِلَ مِن قَبْلُ وَأَنَّ أَكْثَرَكُمْ فَٰسِقُونَ ﴿59﴾ قُلْ
هَلْ أُنَبِّئُكُم بِشَرٍّ مِّن ذَٰلِكَ مَثُوبَةً عِندَ اللَّهِ ۚ مَن لَّعَنَهُ اللَّهُ وَغَضِبَ
عَلَيْهِ وَجَعَلَ مِنْهُمُ الْقِرَدَةَ وَالْخَنَازِيرَ وَعَبَدَ الطَّٰغُوتَ ۚ أُولَٰٓئِكَ شَرٌّ
مَّكَانًا وَأَضَلُّ عَن سَوَآءِ السَّبِيلِ ﴿60﴾ وَإِذَا جَآءُوكُمْ قَالُوٓا ءَامَنَّا
وَقَد دَّخَلُوا بِالْكُفْرِ وَهُمْ قَدْ خَرَجُوا بِهِۦ ۚ وَاللَّهُ أَعْلَمُ بِمَا كَانُوا يَكْتُمُونَ
﴿61﴾ وَتَرَىٰ كَثِيرًا مِّنْهُمْ يُسَٰرِعُونَ فِى الْإِثْمِ وَالْعُدْوَٰنِ وَأَكْلِهِمُ
السُّحْتَ ۚ لَبِئْسَ مَا كَانُوا يَعْمَلُونَ ﴿62﴾ لَوْلَا يَنْهَىٰهُمُ الرَّبَّٰنِيُّونَ
وَالْأَحْبَارُ عَن قَوْلِهِمُ الْإِثْمَ وَأَكْلِهِمُ السُّحْتَ ۚ لَبِئْسَ مَا كَانُوا
يَصْنَعُونَ ﴿63﴾ وَقَالَتِ الْيَهُودُ يَدُ اللَّهِ مَغْلُولَةٌ ۚ غُلَّتْ أَيْدِيهِمْ وَلُعِنُوا
بِمَا قَالُوا ۘ بَلْ يَدَاهُ مَبْسُوطَتَانِ يُنفِقُ كَيْفَ يَشَآءُ ۚ وَلَيَزِيدَنَّ كَثِيرًا
مِّنْهُم مَّآ أُنزِلَ إِلَيْكَ مِن رَّبِّكَ طُغْيَٰنًا وَكُفْرًا ۚ وَأَلْقَيْنَا بَيْنَهُمُ الْعَدَٰوَةَ
وَالْبَغْضَآءَ إِلَىٰ يَوْمِ الْقِيَٰمَةِ ۚ كُلَّمَآ أَوْقَدُوا نَارًا لِّلْحَرْبِ أَطْفَأَهَا اللَّهُ ۚ
وَيَسْعَوْنَ فِى الْأَرْضِ فَسَادًا ۚ وَاللَّهُ لَا يُحِبُّ الْمُفْسِدِينَ ﴿64﴾

58. Meta ssejħu għat-talb, *(arahom)* jeħduh biċ-ċajt u l-logħob. Dak minħabba li huma ġens mingħajr għaqal *(u ma jafux is-siwi kbir tat-talb)*.

59. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ja Nies il-Ktieb, jaqaw qegħdin biss teħduha kontrina għaliex nemmnu f'Alla, f'dak li tniżżlilna, u f'dak li tniżżel qabel, u għaliex ħafna minnkom mogħtija għall-ħażen?"

60. Għid*(ilhom)*: "Jaqaw *(triduni)* ngħarrafkom bi ħlas, mingħand Alla, agħar minn dan *(li tixtiequ lilna)*? *(Dan il-ħlas huwa għal)* dak li Alla seħtu *(għaliex ċaħħdu mill-ħniena tiegħu)* u għadab għalih, u *(għal dawk li)* għamel minnhom xadini u ħnieżer, u *(għal)* min qiem lix-Xitan u lill-allat *(foloz)*. Dawk jinsabu f'imkien wisq agħar, u f'aktar telfien *(u 'l bogħod)* mit-triq id-dritta."

61. Meta jiġu għandkom, jgħidu: "Nemmnu," iżda jkunu daħlu biċ-ċaħda tat-twemmin u ħarġu biha. Iżda Alla jaf sewwa b'dak li kienu jaħbu.

62. U tara ħafna minnhom jimpikaw bejniethom *(bi kliemhom u b'għemilhom)* fil-ħtija u fl-aggressjoni, u fl-ikel ta' qligħ projbit *(għalihom bil-liġi divina)*. Tassew ta' għajb dak li qegħdin jagħmlu.

63. Għaliex ir-rabbini u l-għorrief *(tagħhom)* ma jwaqqfuhomx mill-kliem ħażin tagħhom u mill-ikel ta' qligħ projbit *(għalihom)*? Tassew ta' għajb dak li qegħdin jagħmlu *(ir-rabbini u l-għorrief li jibqgħu siekta dwar il-ħażen)*.

64. Il-Lhud qalu: "Id Alla marbuta *(bix-xeħħa)*." *(Ħalli jkunu)* idejhom marbutin, u *(ħalli)* jinsteħtu *(u jiċċaħħdu mill-ħniena ta' Alla)*, ta' dak li qalu! Le! *(Alla)* idejh it-tnejn miftuħin berah; Huwa jonfoq *(mill-ġid tiegħu)* kif irid. Tassew li dak li tniżżel lilek *(Muħammad)* minn Sidek *(il-Qoran)* se jżid ħafna minnhom fil-ħażen u fiċ-ċaħda tat-twemmin *(għaliex ma jemmnux fih)*. U bejniethom *(il-Lhud)* qlajna l-ostilità u l-mibegħda sa Jum il-Qawmien. Kull darba li jkebbsu n-nar għall-gwerra *(kontra Muħammad u kontra l-Misilmin)*, Alla jitfih. Huma *(dejjem)* iħabirku fuq l-art biex iġibu l-korruzzjoni. Alla ma jħobbx lill-korrotti.

وَلَوْ أَنَّ أَهْلَ ٱلْكِتَٰبِ ءَامَنُوا۟ وَٱتَّقَوْا۟ لَكَفَّرْنَا عَنْهُمْ
سَيِّـَٔاتِهِمْ وَلَأَدْخَلْنَٰهُمْ جَنَّٰتِ ٱلنَّعِيمِ ﴿65﴾ وَلَوْ أَنَّهُمْ أَقَامُوا۟
ٱلتَّوْرَىٰةَ وَٱلْإِنجِيلَ وَمَآ أُنزِلَ إِلَيْهِم مِّن رَّبِّهِمْ لَأَكَلُوا۟ مِن
فَوْقِهِمْ وَمِن تَحْتِ أَرْجُلِهِمْ ۚ مِّنْهُمْ أُمَّةٌ مُّقْتَصِدَةٌ ۖ وَكَثِيرٌ مِّنْهُمْ
سَآءَ مَا يَعْمَلُونَ ﴿66﴾ ۞ يَٰٓأَيُّهَا ٱلرَّسُولُ بَلِّغْ مَآ أُنزِلَ إِلَيْكَ
مِن رَّبِّكَ ۖ وَإِن لَّمْ تَفْعَلْ فَمَا بَلَّغْتَ رِسَالَتَهُۥ ۚ وَٱللَّهُ يَعْصِمُكَ
مِنَ ٱلنَّاسِ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿67﴾ قُلْ يَٰٓأَهْلَ
ٱلْكِتَٰبِ لَسْتُمْ عَلَىٰ شَىْءٍ حَتَّىٰ تُقِيمُوا۟ ٱلتَّوْرَىٰةَ وَٱلْإِنجِيلَ
وَمَآ أُنزِلَ إِلَيْكُم مِّن رَّبِّكُمْ ۗ وَلَيَزِيدَنَّ كَثِيرًا مِّنْهُم مَّآ أُنزِلَ
إِلَيْكَ مِن رَّبِّكَ طُغْيَٰنًا وَكُفْرًا ۖ فَلَا تَأْسَ عَلَى ٱلْقَوْمِ ٱلْكَٰفِرِينَ
﴿68﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَٱلَّذِينَ هَادُوا۟ وَٱلصَّٰبِـُٔونَ وَٱلنَّصَٰرَىٰ
مَنْ ءَامَنَ بِٱللَّهِ وَٱلْيَوْمِ ٱلْءَاخِرِ وَعَمِلَ صَٰلِحًا فَلَا خَوْفٌ
عَلَيْهِمْ وَلَا هُمْ يَحْزَنُونَ ﴿69﴾ لَقَدْ أَخَذْنَا مِيثَٰقَ بَنِىٓ
إِسْرَٰٓءِيلَ وَأَرْسَلْنَآ إِلَيْهِمْ رُسُلًا ۖ كُلَّمَا جَآءَهُمْ رَسُولٌۢ بِمَا
لَا تَهْوَىٰٓ أَنفُسُهُمْ فَرِيقًا كَذَّبُوا۟ وَفَرِيقًا يَقْتُلُونَ ﴿70﴾

ثلاثة أرباع الحزب 12

65. Li kieku Nies il-Ktieb emmnu u beżgħu *(minn Alla u żammu lura mill-ħażen)*, konna nħassrulhom ħtijiethom u ndaħħluhom f'Ġonna ta' hena.

66. Li kieku żammu sħiħ mat-*Torā*, ma' l-Evanġelju u ma' dak li tniżżlilhom minn Sidhom, kienu jieklu minn fuqhom u minn taħt riġlejhom *(daqshekk kbar kienu jkunu l-barkiet tas-sema u ta' l-art li kienu jgawdu)*. Fosthom hemm nies li qabdu t-triq it-tajba, iżda dak li ħafna minnhom jagħmlu huwa ħażin.

67. Ja Mibgħut *(Muħammad)*, xandar dak li tniżżel lilek minn Sidek, u jekk ma tagħmilx *(hekk, u ma xxandarx kulma ngħatalek)*, ma tkunx xandart il-messaġġ tiegħu. Alla jħarsek min-nies *(li jridu jagħmlulek id-deni jew joqtluk)*. Tabilħaqq li Alla ma jurix it-triq lil dawk li ma jemmnux.

68. Għid *(Muħammad)*: "Ja Nies il-Ktieb, ma għandkom xejn *(bħala gwida fuq xiex iżżommu)*, sa ma żżommu sħiħ mat-*Torā*, ma' l-Evanġelju u ma' dak li tniżżel lilkom minn Sidkom *(il-Qoran)*." Dak li tniżżel lilek minn Sidek *(il-Qoran)* tassew iżid lil ħafna minnhom fil-ħażen u fiċ-ċaħda tat-twemmin, iżda la titnikkitx *(Muħammad)* għan-nies li ma jemmnux.

69. Tabilħaqq li dawk li jemmnu *(il-Musilmin)*, il-Lhud, is-Sabijin, u l-Insara, min jemmen f'Alla u fl-Aħħar Jum, u jagħmel għemejjel tajba, *(dawk)* ebda biża' ma jkun hemm fuqhom *(fl-Aħħar Jum)*, u lanqas ma jitnikktu *(minħabba dak li ħallew warajhom fid-dinja)*.

70. Aħna dħalna f'rabta ma' Wlied Israel u bgħatna għandhom Mibgħutin. Kull darba li ġiehom xi Mibgħut b'dak li ma jixtiqux, giddbu lil uħud minnhom, u qatlu lil oħrajn.

وَحَسِبُوٓا۟ أَلَّا تَكُونَ فِتْنَةٌ فَعَمُوا۟ وَصَمُّوا۟ ثُمَّ تَابَ ٱللَّهُ
عَلَيْهِمْ ثُمَّ عَمُوا۟ وَصَمُّوا۟ كَثِيرٌ مِّنْهُمْ ۚ وَٱللَّهُ بَصِيرٌۢ بِمَا
يَعْمَلُونَ ﴿71﴾ لَقَدْ كَفَرَ ٱلَّذِينَ قَالُوٓا۟ إِنَّ ٱللَّهَ هُوَ
ٱلْمَسِيحُ ٱبْنُ مَرْيَمَ ۖ وَقَالَ ٱلْمَسِيحُ يَٰبَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ ٱعْبُدُوا۟
ٱللَّهَ رَبِّى وَرَبَّكُمْ ۖ إِنَّهُۥ مَن يُشْرِكْ بِٱللَّهِ فَقَدْ حَرَّمَ ٱللَّهُ عَلَيْهِ
ٱلْجَنَّةَ وَمَأْوَىٰهُ ٱلنَّارُ ۖ وَمَا لِلظَّٰلِمِينَ مِنْ أَنصَارٍ ﴿72﴾
لَّقَدْ كَفَرَ ٱلَّذِينَ قَالُوٓا۟ إِنَّ ٱللَّهَ ثَالِثُ ثَلَٰثَةٍ ۘ وَمَا مِنْ
إِلَٰهٍ إِلَّآ إِلَٰهٌ وَٰحِدٌ ۚ وَإِن لَّمْ يَنتَهُوا۟ عَمَّا يَقُولُونَ لَيَمَسَّنَّ
ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ مِنْهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿73﴾ أَفَلَا يَتُوبُونَ
إِلَى ٱللَّهِ وَيَسْتَغْفِرُونَهُۥ ۚ وَٱللَّهُ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿74﴾
مَّا ٱلْمَسِيحُ ٱبْنُ مَرْيَمَ إِلَّا رَسُولٌ قَدْ خَلَتْ مِن قَبْلِهِ
ٱلرُّسُلُ ۖ وَأُمُّهُۥ صِدِّيقَةٌ ۖ كَانَا يَأْكُلَانِ ٱلطَّعَامَ ۗ
ٱنظُرْ كَيْفَ نُبَيِّنُ لَهُمُ ٱلْءَايَٰتِ ثُمَّ ٱنظُرْ أَنَّىٰ
يُؤْفَكُونَ ﴿75﴾ قُلْ أَتَعْبُدُونَ مِن دُونِ ٱللَّهِ مَا لَا
يَمْلِكُ لَكُمْ ضَرًّا وَلَا نَفْعًا ۚ وَٱللَّهُ هُوَ ٱلسَّمِيعُ ٱلْعَلِيمُ ﴿76﴾

71. U ħasbu li ma jkunx hemm tiġrib *(għalihom tal-ħażen li għamlu)*, u għalhekk għamew u ttarrxu *(u ma setgħux isibu triq is-sewwa)*. Imbagħad Alla dar lejhom bil-maħfra; *(imma)* imbagħad ħafna minnhom għamew u ttarrxu *(għal darba oħra)*. Iżda Alla jara sew dak li jagħmlu.

72. M'emmnux dawk li jgħidu: "Tabilħaqq Alla huwa l-Messija bin Marija." Il-Messija *(innifsu)* qal: "Ja Wlied Israel, agħtu qima lil Alla Sidi u Sidkom!" Tabilħaqq li min ixierek lil Alla *(ma' allat oħra)*, Alla jċaħħdu mill-Ġenna, u l-kenn tiegħu jkun in-Nar. Il-ħżiena ma għandhomx min jgħinhom.

73. M'emmnux dawk li jgħidu: "Alla tabilħaqq huwa t-tielet minn tlieta." Iżda ma hemmx alla *(ieħor)* ħlief Alla Wieħed. U jekk m'intomx se jieqfu minn dak li qegħdin jgħidu, dawk fosthom li ċaħdu t-twemmin se jmisshom kastig ta' wġigħ.

74. Għaliex ma jdurux bl-indiema lejn Alla u jitolbuh maħfra? Alla huwa Kollu Maħfra u Ħanin.

75. Il-Messija bin Marija ma kienx għajr Mibgħut, u qablu għaddew il-Mibgħutin *(l-oħra)*. Ommu kienet mara talħaqq u s-sewwa. Huma t-tnejn kienu jieklu l-ikel *(bħal ħaddieħor)*. Ara kif nuruhom biċ-ċar *(lill-Insara)* is-sinjali *(tagħna, biex jemmnu)*, imbagħad ara kif jitbiegħdu mis-sewwa.

76. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Jaqaw, minflok lil Alla, tqimu dak li la għandu s-setgħa jkunilkom ta' deni u lanqas ta' siwi?" Iżda Alla huwa li jisma' kollox u jaf kollox.

قُلْ يَٰٓأَهْلَ ٱلْكِتَٰبِ لَا تَغْلُوا۟ فِى دِينِكُمْ غَيْرَ ٱلْحَقِّ
وَلَا تَتَّبِعُوٓا۟ أَهْوَآءَ قَوْمٍ قَدْ ضَلُّوا۟ مِن قَبْلُ وَأَضَلُّوا۟
كَثِيرًا وَضَلُّوا۟ عَن سَوَآءِ ٱلسَّبِيلِ ﴿77﴾ لُعِنَ ٱلَّذِينَ
كَفَرُوا۟ مِنۢ بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ عَلَىٰ لِسَانِ دَاوُۥدَ وَعِيسَى
ٱبْنِ مَرْيَمَ ۚ ذَٰلِكَ بِمَا عَصَوا۟ وَّكَانُوا۟ يَعْتَدُونَ ﴿78﴾
كَانُوا۟ لَا يَتَنَاهَوْنَ عَن مُّنكَرٍ فَعَلُوهُ ۚ لَبِئْسَ
مَا كَانُوا۟ يَفْعَلُونَ ﴿79﴾ تَرَىٰ كَثِيرًا مِّنْهُمْ
يَتَوَلَّوْنَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ ۚ لَبِئْسَ مَا قَدَّمَتْ لَهُمْ أَنفُسُهُمْ
أَن سَخِطَ ٱللَّهُ عَلَيْهِمْ وَفِى ٱلْعَذَابِ هُمْ خَٰلِدُونَ ﴿80﴾
وَلَوْ كَانُوا۟ يُؤْمِنُونَ بِٱللَّهِ وَٱلنَّبِىِّ وَمَآ أُنزِلَ إِلَيْهِ
مَا ٱتَّخَذُوهُمْ أَوْلِيَآءَ وَلَٰكِنَّ كَثِيرًا مِّنْهُمْ فَٰسِقُونَ
﴿81﴾ ۞ لَتَجِدَنَّ أَشَدَّ ٱلنَّاسِ عَدَٰوَةً لِّلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ٱلْيَهُودَ
وَٱلَّذِينَ أَشْرَكُوا۟ ۖ وَلَتَجِدَنَّ أَقْرَبَهُم مَّوَدَّةً لِّلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ ٱلَّذِينَ قَالُوٓا۟ إِنَّا نَصَٰرَىٰ ۚ ذَٰلِكَ بِأَنَّ مِنْهُمْ
قِسِّيسِينَ وَرُهْبَانًا وَأَنَّهُمْ لَا يَسْتَكْبِرُونَ ﴿82﴾

الجزء 7
الحزب 13

77. Għid*(ilhom ukoll Muħammad)*: "Ja Nies il-Ktieb, tesaġerawx fir-reliġjon tagħkom *(hekk li tisħqu fuq dak)* li ma huwiex is-sewwa, u la timxux wara x-xewqat ta' nies li fl-imgħoddi tħawdu, ħawdu lil ħafna *(oħrajn)*, u tilfu triq is-sewwa.

78. Dawk minn Ulied Israel li m'emmnux, instehtu minn David u minn Ġesù bin Marija għaliex m'obdewx *(lil Alla)* u kienu jagħmlu l-ħażen.

79. Huma ma kinux iżommu lil xulxin mill-ħażen li għamlu. Tassew ta' għajb dak li kienu jagħmlu.

80. Tara ħafna minnhom *(il-Lhud)* jissieħbu ma' dawk li ma jemmnux. Tassew ta' għajb dak *(l-għemil)* li huma nfushom ressqu quddiemhom *(biex jitħallsu tiegħu fil-Ħajja l-Oħra, u)* Alla għadab għalihom, u huma jibqgħu fil-kastig għal dejjem.

81. Li kieku *(il-Lhud)* emmnu f'Alla, fil-Profeta, u f'dak li tniżżel lilu, ma kinux jissieħbu magħhom, iżda ħafna minnhom huma ħżiena.

82. Tassew issib *(Muħammad)* li fost in-nies, l-eħrex għedewwa ta' dawk li jemmnu huma l-Lhud u dawk li xierku *(allat oħra ma' Alla)*, u tassew issib *(ukoll)* li l-eqreb, fosthom, fl-imħabba lejn dawk li jemmnu huma dawk li jgħidu: "Aħna Nsara." Dan għaliex hemm minnhom qassisin u rħieb, u huma ma jitkabbrux.

وَإِذَا سَمِعُوا۟ مَآ أُنزِلَ إِلَى ٱلرَّسُولِ تَرَىٰٓ أَعْيُنَهُمْ تَفِيضُ مِنَ
ٱلدَّمْعِ مِمَّا عَرَفُوا۟ مِنَ ٱلْحَقِّ ۖ يَقُولُونَ رَبَّنَآ ءَامَنَّا فَٱكْتُبْنَا مَعَ
ٱلشَّٰهِدِينَ ﴿83﴾ وَمَا لَنَا لَا نُؤْمِنُ بِٱللَّهِ وَمَا جَآءَنَا مِنَ ٱلْحَقِّ
وَنَطْمَعُ أَن يُدْخِلَنَا رَبُّنَا مَعَ ٱلْقَوْمِ ٱلصَّٰلِحِينَ ﴿84﴾ فَأَثَٰبَهُمُ
ٱللَّهُ بِمَا قَالُوا۟ جَنَّٰتٍ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ خَٰلِدِينَ فِيهَا ۚ
وَذَٰلِكَ جَزَآءُ ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿85﴾ وَٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ وَكَذَّبُوا۟
بِـَٔايَٰتِنَآ أُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلْجَحِيمِ ﴿86﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟
لَا تُحَرِّمُوا۟ طَيِّبَٰتِ مَآ أَحَلَّ ٱللَّهُ لَكُمْ وَلَا تَعْتَدُوٓا۟ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ
لَا يُحِبُّ ٱلْمُعْتَدِينَ ﴿87﴾ وَكُلُوا۟ مِمَّا رَزَقَكُمُ ٱللَّهُ حَلَٰلًا طَيِّبًا ۚ
وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ ٱلَّذِىٓ أَنتُم بِهِۦ مُؤْمِنُونَ ﴿88﴾ لَا يُؤَاخِذُكُمُ ٱللَّهُ
بِٱللَّغْوِ فِىٓ أَيْمَٰنِكُمْ وَلَٰكِن يُؤَاخِذُكُم بِمَا عَقَّدتُّمُ ٱلْأَيْمَٰنَ ۖ
فَكَفَّٰرَتُهُۥٓ إِطْعَامُ عَشَرَةِ مَسَٰكِينَ مِنْ أَوْسَطِ مَا تُطْعِمُونَ
أَهْلِيكُمْ أَوْ كِسْوَتُهُمْ أَوْ تَحْرِيرُ رَقَبَةٍ ۖ فَمَن لَّمْ يَجِدْ فَصِيَامُ
ثَلَٰثَةِ أَيَّامٍ ۚ ذَٰلِكَ كَفَّٰرَةُ أَيْمَٰنِكُمْ إِذَا حَلَفْتُمْ ۚ وَٱحْفَظُوٓا۟
أَيْمَٰنَكُمْ ۚ كَذَٰلِكَ يُبَيِّنُ ٱللَّهُ لَكُمْ ءَايَٰتِهِۦ لَعَلَّكُمْ تَشْكُرُونَ ﴿89﴾

83. U meta jisimgħu dak li tniżżel lill-Mibgħut *(il-Qoran)*, tara għajnejhom ifuru bid-dmugħ minħabba s-sewwa li għarfu *(fih)*, u jgħidu: "Sidna, aħna nemmnu! Iktibna max-xhieda *(li huma l-Misilmin)*.

84. U kif ma nemmnux f'Alla, u f'dak li ġiena mis-sewwa, *(meta)* aħna nittamaw li Sidna jdaħħalna man-nies it-tajba?"

85. Għalhekk Alla tahom il-ħlas ta' dak li qalu: Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom jgħammru għal dejjem. Dak huwa l-ħlas għal dawk li jagħmlu t-tajjeb.

86. Iżda dawk li ma jemmnux u jgiddbu s-sinjali tagħna, dawk huma nies in-Nar iħeġġeġ.

87. Intom li temmnu, tipprojbixxux it-tajjeb li Alla għamel jiswa għalikom, iżda taqbżux il-limiti! Alla tabilħaqq ma jħobbx lil dawk li jaqbżu l-limiti.

88. U kulu milli takom Alla għall-għajxien, dak li jiswa u tajjeb, iżda ibżgħu minn Alla li intom temmnu fih.

89. Alla ma jeħux għalikom tan-nuqqas ta' ħsieb fil-ħalfiet tagħkom, iżda jieħu għalikom ta' dawk il-ħalfiet li intom tagħmlu bl-akbar serjetà. Tpattija ta' dan huwa li titimgħu għaxar foqra b'daqs kemm *(is-soltu)* titimgħu lil nieskom, jew tlibbsuhom, jew *(inkella)* li teħilsu lsir. U min ma jsibx *(kif jagħmel dan)*, għandu jsum tlett ijiem. Din hija tpattija għall-ħalfiet li ħliftu. U żommu sħiħ mal-ħalfiet tagħkom. Hekk Alla jurikom biċ-ċar is-sinjali tiegħu biex forsi tiżżu ħajr.

يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِنَّمَا ٱلْخَمْرُ وَٱلْمَيْسِرُ وَٱلْأَنصَابُ وَٱلْأَزْلَٰمُ رِجْسٌ
مِّنْ عَمَلِ ٱلشَّيْطَٰنِ فَٱجْتَنِبُوهُ لَعَلَّكُمْ تُفْلِحُونَ ﴿90﴾ إِنَّمَا يُرِيدُ
ٱلشَّيْطَٰنُ أَن يُوقِعَ بَيْنَكُمُ ٱلْعَدَٰوَةَ وَٱلْبَغْضَآءَ فِى ٱلْخَمْرِ وَٱلْمَيْسِرِ
وَيَصُدَّكُمْ عَن ذِكْرِ ٱللَّهِ وَعَنِ ٱلصَّلَوٰةِ ۖ فَهَلْ أَنتُم مُّنتَهُونَ ﴿91﴾ وَأَطِيعُوا۟
ٱللَّهَ وَأَطِيعُوا۟ ٱلرَّسُولَ وَٱحْذَرُوا۟ ۚ فَإِن تَوَلَّيْتُمْ فَٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّمَا عَلَىٰ
رَسُولِنَا ٱلْبَلَٰغُ ٱلْمُبِينُ ﴿92﴾ لَيْسَ عَلَى ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟
ٱلصَّٰلِحَٰتِ جُنَاحٌ فِيمَا طَعِمُوٓا۟ إِذَا مَا ٱتَّقَوا۟ وَّءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟
ٱلصَّٰلِحَٰتِ ثُمَّ ٱتَّقَوا۟ وَّءَامَنُوا۟ ثُمَّ ٱتَّقَوا۟ وَّأَحْسَنُوا۟ ۗ وَٱللَّهُ يُحِبُّ ٱلْمُحْسِنِينَ
﴿93﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَيَبْلُوَنَّكُمُ ٱللَّهُ بِشَىْءٍ مِّنَ ٱلصَّيْدِ تَنَالُهُۥٓ
أَيْدِيكُمْ وَرِمَاحُكُمْ لِيَعْلَمَ ٱللَّهُ مَن يَخَافُهُۥ بِٱلْغَيْبِ ۚ فَمَنِ ٱعْتَدَىٰ بَعْدَ
ذَٰلِكَ فَلَهُۥ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿94﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَا تَقْتُلُوا۟ ٱلصَّيْدَ
وَأَنتُمْ حُرُمٌ ۚ وَمَن قَتَلَهُۥ مِنكُم مُّتَعَمِّدًا فَجَزَآءٌ مِّثْلُ مَا قَتَلَ مِنَ ٱلنَّعَمِ
يَحْكُمُ بِهِۦ ذَوَا عَدْلٍ مِّنكُمْ هَدْيًۢا بَٰلِغَ ٱلْكَعْبَةِ أَوْ كَفَّٰرَةٌ طَعَامُ
مَسَٰكِينَ أَوْ عَدْلُ ذَٰلِكَ صِيَامًا لِّيَذُوقَ وَبَالَ أَمْرِهِۦ ۗ عَفَا ٱللَّهُ عَمَّا
سَلَفَ ۚ وَمَنْ عَادَ فَيَنتَقِمُ ٱللَّهُ مِنْهُ ۗ وَٱللَّهُ عَزِيزٌ ذُو ٱنتِقَامٍ ﴿95﴾

90. Intom li temmnu *(kunu afu li)* l-inbid, il-logħob ta' l-azzard, l-idoli u l-vleġeġ *(tat-tbassir)* ma humiex għajr tinġis minn għemil ix-Xitan. Mela warrbu minnu biex forsi tkunu rebbiħin.

91. Ix-Xitan ma jridx għajr li jagħmilkom għedewwa ta' xulxin u jġib il-mibegħda fostkom *(billi jinqeda)* bl-inbid u bil-logħob ta' l-azzard, u jżommkom mit-tifkira ta'Alla u mit-talb. Mela *(issa li tafu dan)*, intom se tieqfu *(minn dawn il-vizzji)*?

92. Obdu lil Alla u obdu lill-Mibgħut, u oqogħdu attenti *(mill-ħażen)*. Jekk tagħtu daharkom *(u ma tagħtux widen)*, kunu afu li d-dmir tal-Mibgħut tagħna huwa biss li jxandar biċ-ċar *(tagħlim l-Islam)*.

93. Fuq dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba ma hemm *(ebda)* ħtija ta' dak li kielu *(fl-imgħoddi, qabel il-projbizzjoni ta' l-inbid)*, jekk jibżgħu minn Alla, jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba, imbagħad *(għal darba oħra)* jitħarsu mill-ħażen u jemmnu, imbagħad jibżgħu minn Alla u jagħmlu t-tajjeb. Alla jħobb lil dawk li jagħmlu t-tajjeb.

94. Intom li temmnu, tabilħaqq li Alla jġarrabkom bil-kaċċa li tiġi f'idejkom u fil-lanez tagħkom; biex Alla jkun jaf min jibża' minnu, *(Huwa li jinsab)* fis-satra. Min, wara dan, jikser il-liġi, ikollu kastig ta' wġigħ.

95. Intom li temmnu, la toqtlux kaċċa meta intom tinsabu fil-*'iħrām (jiġifieri mħejjija biex tagħmlu l-ħaġġ jew l-għomra)*. Min minnkom joqtolhom *(dawn l-annimali)* apposta, it-tpattija *(għal dan)*, skond il-ħaqq li jagħmlu tnejn min-nies ġusti fostkom, *(tkun)* b'annimal imrobbi *(għandkom)*, daqs dak li nqatel, li jinġieb bħala offerta fil-*Kagħba*, jew *(inkella ssir)* tpattija *(billi)* titimgħu xi fqar, jew xi jsarraf dan f'sawm, b'hekk iduq il-kruha ta' għemilu. Alla ħafer dak li għadda *(qabel ma niżel dan il-vers)*, iżda min jerġa' *(jidneb)*, Alla jpattihielu. Alla huwa Qawwi u jaf kif ipattiha.

أُحِلَّ لَكُمْ صَيْدُ ٱلْبَحْرِ وَطَعَامُهُۥ مَتَٰعًا لَّكُمْ وَلِلسَّيَّارَةِ ۖ وَحُرِّمَ
عَلَيْكُمْ صَيْدُ ٱلْبَرِّ مَا دُمْتُمْ حُرُمًا ۗ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ ٱلَّذِىٓ إِلَيْهِ
تُحْشَرُونَ ﴿96﴾ ۞ جَعَلَ ٱللَّهُ ٱلْكَعْبَةَ ٱلْبَيْتَ ٱلْحَرَامَ
قِيَٰمًا لِّلنَّاسِ وَٱلشَّهْرَ ٱلْحَرَامَ وَٱلْهَدْىَ وَٱلْقَلَٰٓئِدَ ۚ ذَٰلِكَ لِتَعْلَمُوٓا۟
أَنَّ ٱللَّهَ يَعْلَمُ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِى ٱلْأَرْضِ وَأَنَّ ٱللَّهَ بِكُلِّ
شَىْءٍ عَلِيمٌ ﴿97﴾ ٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّ ٱللَّهَ شَدِيدُ ٱلْعِقَابِ وَأَنَّ ٱللَّهَ
غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿98﴾ مَّا عَلَى ٱلرَّسُولِ إِلَّا ٱلْبَلَٰغُ ۗ وَٱللَّهُ يَعْلَمُ مَا
تُبْدُونَ وَمَا تَكْتُمُونَ ﴿99﴾ قُل لَّا يَسْتَوِى ٱلْخَبِيثُ وَٱلطَّيِّبُ
وَلَوْ أَعْجَبَكَ كَثْرَةُ ٱلْخَبِيثِ ۚ فَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ يَٰٓأُو۟لِى ٱلْأَلْبَٰبِ
لَعَلَّكُمْ تُفْلِحُونَ ﴿100﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَا تَسْـَٔلُوا۟
عَنْ أَشْيَآءَ إِن تُبْدَ لَكُمْ تَسُؤْكُمْ وَإِن تَسْـَٔلُوا۟ عَنْهَا حِينَ يُنَزَّلُ
ٱلْقُرْءَانُ تُبْدَ لَكُمْ عَفَا ٱللَّهُ عَنْهَا ۗ وَٱللَّهُ غَفُورٌ حَلِيمٌ ﴿101﴾ قَدْ
سَأَلَهَا قَوْمٌ مِّن قَبْلِكُمْ ثُمَّ أَصْبَحُوا۟ بِهَا كَٰفِرِينَ ﴿102﴾
مَا جَعَلَ ٱللَّهُ مِنۢ بَحِيرَةٍ وَلَا سَآئِبَةٍ وَلَا وَصِيلَةٍ وَلَا حَامٍ ۙ وَلَٰكِنَّ
ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ يَفْتَرُونَ عَلَى ٱللَّهِ ٱلْكَذِبَ ۖ وَأَكْثَرُهُمْ لَا يَعْقِلُونَ ﴿103﴾

ربع الحزب 13

96. Jiswa għalikom sajd il-baħar u l-ikel tiegħu *(anki meta tkunu fil-'iħrām)*, biex ikun tgawdija għalikom u għal min ikun imsiefer, iżda ma tiswiex għalikom il-kaċċa fuq l-art meta intom tinsabu fil-*'iħrām*. U ibżgħu minn Alla li għad tinġabru għandu *(u tidħru quddiemu)*.

97. Alla għamel il-*Kagħba*, id-dar imqaddsa, imwaqqfa għall-ġid tan-nies, *(kif ukoll)* ix-xahar imqaddes, il-bhejjem tas-sagrifiċċju u l-bhejjem immarkati għas-sagrifiċċju. Dak biex tkunu tafu li Alla jaf b'dak li hemm fis-smewwiet u fl-art, u li Alla jaf b'kollox.

98. Kunu afu li Alla Qalil fil-kastig, u li Alla Kollu Maħfra u Ħanin.

99. Dmir il-Mibgħut huwa biss li jxandar *(it-tagħlim ta' l-Islam)*. Alla jaf b'dak li turu u b'dak li taħbu.

100. Għid *(Muħammad)*: "Il-ħażin u t-tajjeb ma humiex indaqs, anki jekk il-kotra tal-ħażen tista' tgħaġġbek. Mela ibżgħu minn Alla, ja nies ta' dehen, biex forsi tkunu rebbiħin!"

101. Intom li temmnu, la tistaqsux *(lil Muħammad)* fuq ħwejjeġ li, kieku jintwerewlkom, idejqukom. Iżda jekk tistaqsu fuqhom meta jitniżżel *(lilkom)* il-Qoran, *(dawn)* jintwerewlkom. Alla ħafer dan. Alla huwa Kollu Ħniena u ta' sabar mal-midinbin.

102. Qabilkom nies *(oħra)* staqsew għal dawn *(il-ħwejjeġ)*, imbagħad *(wara li ngħatawlhom)*, saru ma jemmnux fihom.

103. Alla ma għamilx digrieti dwar il-ġemla b'widintha maqsuma *(li ma jiswiex tintrikeb)*, jew ġemla li tiġġerra *(u li ħadd ma jista' jinqeda biha)*, inkella sagrifiċċji lill-idoli għal twelid doppju fil-bhejjem, jew iġmla fħula *(li ma jsirx użu minnhom)*,[40] iżda kienu dawk li m'emmnux li qalgħu l-gideb dwar Alla, u ħafna minnhom ma għandhomx għaqal.

[40] *Iġmla fħula*: iġmla għar-refgħa li jintużaw biex minnhom jitnisslu iġmla oħra. Qabel l-Islam il-pagani kienu jitilqu dawn l-erba' tipi ta' iġmla u jħalluhom jimirħu b'att ta' qima lejn l-allat.

وَإِذَا قِيلَ لَهُمْ تَعَالَوْا۟ إِلَىٰ مَآ أَنزَلَ ٱللَّهُ وَإِلَى ٱلرَّسُولِ قَالُوا۟
حَسْبُنَا مَا وَجَدْنَا عَلَيْهِ ءَابَآءَنَآ ۚ أَوَلَوْ كَانَ ءَابَآؤُهُمْ لَا يَعْلَمُونَ
شَيْـًٔا وَلَا يَهْتَدُونَ ﴿104﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ عَلَيْكُمْ أَنفُسَكُمْ ۖ
لَا يَضُرُّكُم مَّن ضَلَّ إِذَا ٱهْتَدَيْتُمْ ۚ إِلَى ٱللَّهِ مَرْجِعُكُمْ جَمِيعًا
فَيُنَبِّئُكُم بِمَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿105﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ شَهَٰدَةُ
بَيْنِكُمْ إِذَا حَضَرَ أَحَدَكُمُ ٱلْمَوْتُ حِينَ ٱلْوَصِيَّةِ ٱثْنَانِ ذَوَا
عَدْلٍ مِّنكُمْ أَوْ ءَاخَرَانِ مِنْ غَيْرِكُمْ إِنْ أَنتُمْ ضَرَبْتُمْ فِى ٱلْأَرْضِ
فَأَصَٰبَتْكُم مُّصِيبَةُ ٱلْمَوْتِ ۚ تَحْبِسُونَهُمَا مِنۢ بَعْدِ ٱلصَّلَوٰةِ
فَيُقْسِمَانِ بِٱللَّهِ إِنِ ٱرْتَبْتُمْ لَا نَشْتَرِى بِهِۦ ثَمَنًا وَلَوْ كَانَ ذَا قُرْبَىٰ ۙ
وَلَا نَكْتُمُ شَهَٰدَةَ ٱللَّهِ إِنَّآ إِذًا لَّمِنَ ٱلْءَاثِمِينَ ﴿106﴾ فَإِنْ عُثِرَ عَلَىٰٓ
أَنَّهُمَا ٱسْتَحَقَّآ إِثْمًا فَـَٔاخَرَانِ يَقُومَانِ مَقَامَهُمَا مِنَ ٱلَّذِينَ
ٱسْتَحَقَّ عَلَيْهِمُ ٱلْأَوْلَيَٰنِ فَيُقْسِمَانِ بِٱللَّهِ لَشَهَٰدَتُنَآ أَحَقُّ
مِن شَهَٰدَتِهِمَا وَمَا ٱعْتَدَيْنَآ ۖ إِنَّآ إِذًا لَّمِنَ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿107﴾ ذَٰلِكَ
أَدْنَىٰٓ أَن يَأْتُوا۟ بِٱلشَّهَٰدَةِ عَلَىٰ وَجْهِهَآ أَوْ يَخَافُوٓا۟ أَن تُرَدَّ أَيْمَٰنٌۢ بَعْدَ
أَيْمَٰنِهِمْ ۗ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَٱسْمَعُوا۟ ۗ وَٱللَّهُ لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ ٱلْفَٰسِقِينَ ﴿108﴾

104. Meta jintqalilhom: "Ejjew lejn dak li Alla niżżel u lejn il-Mibgħut," huma jgħidu: "Biżżejjed għalina dak *(it-twemmin)* li sibna lil missirijietna fih!" *(Jgħidu hekk)* anki jekk missirijiethom ma kienu jafu xejn, u lanqas kienu fit-triq it-tajba?

105. Intom li temmnu, jeħtieġ *(tħarsu)* lilkom infuskom. Jekk taqbdu t-triq it-tajba, min ħareġ minnha ma jagħmlilkomx ħsara. Lejn Alla terġgħu lura lkoll, u jħabbrilkom dak li kontu tagħmlu.

106. Intom li temmnu, meta l-mewt toqrob lejn xi ħadd minnkom, *(żommu)* xhieda bejnietkom meta jsir it-testment: żewġ *(Misilmin)* ġusti minn fostkom, jew tnejn oħra barranin *(li ma humiex Misilmin)* jekk tkunu qegħdin itterrqu fl-art u tintlaqtu bid-diżgrazzja tal-mewt. Jekk tkunu *(intom il-werrieta)* bejn ħalltejn *(dwar is-serjetà tagħhom)*, żommuhom it-tnejn wara t-talb *(ta' l-għasar)* u *(araw li)* jaħilfu b'Alla *(dan li ġej)*: "Ma nbigħux il-ħalfa tagħna b'xi prezz, lanqas kieku kien għal xi qarib *(tagħna)*, u lanqas ma naħbu x-xhieda ta' Alla, għaliex inkella nkunu midinbin."

107. Iżda jekk jinstab li huma t-tnejn jistħoqqu *(is-suspett li għamlu)* dnub *(għaliex ħalfu falz)*, mela tnejn oħra joqogħdu minflokhom, minn dawk li jistħoqqu *(il-wirt)*, u jaħilfu b'Alla *(hekk)*: "*(Naħilfu)* li x-xhieda tagħna hija aktar vera mix-xhieda tagħhom it-tnejn, u li ma ksirniex il-liġi *(għaliex ma ħlifniex falz)*, għaliex inkella tassew inkunu mill-ħżiena!"

108. B'hekk aktarx li jagħtu x-xhieda tagħhom kif jixraq, jew *(inkella)* jibżgħu li, wara l-ħalf tagħhom, jittieħed il-ħalf *(ta' ħaddieħor)*. Iżda ibżgħu minn Alla u isimgħu *(minnu)*. Alla ma jurix it-triq it-tajba lin-nies il-ħżiena.

نصف الحزب 13

۞ يَوْمَ يَجْمَعُ ٱللَّهُ ٱلرُّسُلَ فَيَقُولُ مَاذَآ أُجِبْتُمْ ۖ قَالُوا۟ لَا عِلْمَ
لَنَآ ۖ إِنَّكَ أَنتَ عَلَّٰمُ ٱلْغُيُوبِ ﴿109﴾ إِذْ قَالَ ٱللَّهُ يَٰعِيسَى ٱبْنَ مَرْيَمَ
ٱذْكُرْ نِعْمَتِى عَلَيْكَ وَعَلَىٰ وَٰلِدَتِكَ إِذْ أَيَّدتُّكَ بِرُوحِ
ٱلْقُدُسِ تُكَلِّمُ ٱلنَّاسَ فِى ٱلْمَهْدِ وَكَهْلًا ۖ وَإِذْ عَلَّمْتُكَ
ٱلْكِتَٰبَ وَٱلْحِكْمَةَ وَٱلتَّوْرَىٰةَ وَٱلْإِنجِيلَ ۖ وَإِذْ تَخْلُقُ
مِنَ ٱلطِّينِ كَهَيْـَٔةِ ٱلطَّيْرِ بِإِذْنِى فَتَنفُخُ فِيهَا فَتَكُونُ طَيْرًۢا
بِإِذْنِى ۖ وَتُبْرِئُ ٱلْأَكْمَهَ وَٱلْأَبْرَصَ بِإِذْنِى ۖ وَإِذْ تُخْرِجُ
ٱلْمَوْتَىٰ بِإِذْنِى ۖ وَإِذْ كَفَفْتُ بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ عَنكَ إِذْ
جِئْتَهُم بِٱلْبَيِّنَٰتِ فَقَالَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ مِنْهُمْ إِنْ هَٰذَآ إِلَّا سِحْرٌ
مُّبِينٌ ﴿110﴾ وَإِذْ أَوْحَيْتُ إِلَى ٱلْحَوَارِيِّـۧنَ أَنْ ءَامِنُوا۟ بِى
وَبِرَسُولِى ۖ قَالُوٓا۟ ءَامَنَّا وَٱشْهَدْ بِأَنَّنَا مُسْلِمُونَ ﴿111﴾ إِذْ قَالَ
ٱلْحَوَارِيُّونَ يَٰعِيسَى ٱبْنَ مَرْيَمَ هَلْ يَسْتَطِيعُ رَبُّكَ أَن
يُنَزِّلَ عَلَيْنَا مَآئِدَةً مِّنَ ٱلسَّمَآءِ ۖ قَالَ ٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ إِن كُنتُم
مُّؤْمِنِينَ ﴿112﴾ قَالُوا۟ نُرِيدُ أَن نَّأْكُلَ مِنْهَا وَتَطْمَئِنَّ قُلُوبُنَا
وَنَعْلَمَ أَن قَدْ صَدَقْتَنَا وَنَكُونَ عَلَيْهَا مِنَ ٱلشَّٰهِدِينَ ﴿113﴾

109. Dakinhar li Alla jiġma' l-Mibgħutin *(tiegħu)* u jistaqsi*(hom)*: "Xi tweġib ħadtu *(minn nieskom)*?" Huma jgħidu: "Ma għandniex għarfien *(fuq dan ħlief li Inti taf ħafna aktar minna)*. Huwa Inti li taf kollox fuq *(kull)* ma huwa mistur."

110. Imbagħad Alla jgħid: "Ja Ġesù bin Marija, ftakar fil-grazzja tiegħi fuqek u fuq ommok: meta saħħaħtek b'ruħ il-qodos *(l-anġlu Gabrijel, hekk li)* kellimt lin-nies *(meta kont għadek)* fil-benniena u meta kbirt, u meta għallimtek il-kitba u l-għerf, it-*Torā* u l-Evanġelju; meta inti ħlaqt mit-tajn bħal għamla ta' tajra, bir-rieda tiegħi, u nfaħt fiha u saret tajra, bir-rieda tiegħi, u *(meta inti)* fejjaqt lill-agħma mit-twelid u lill-imġiddem, *(ukoll)* bir-rieda tiegħi, u meta qajjimt lill-mejtin, bir-rieda tiegħi, u meta żammejt lil Ulied Israel *('il bogħod)* minnek *(biex ma joqtlukx)* meta ġibtilhom is-sinjali ċ-ċari, u dawk minnhom li m'emmnux qalu: 'Tabilħaqq dan ma huwiex għajr seħer fid-dieher.'

111. U meta *(Jiena)* nebbaħt lid-dixxipli: 'Emmnu fija u fil-Mibgħut tiegħi *(Ġesù)*,' huma qalu: 'Emminna, u inti ixhed li aħna Misilmin.'"

112. Meta d-dixxipli qalu: "Ja Ġesù bin Marija, Sidek jista' jniżżel fuqna mejda *(imħejjija sew bl-ikel)* mis-sema?" Huwa qal: "Ibżgħu minn Alla, jekk intom temmnu."

113. Qalu: "Irridu nieklu minnha, u qlubna jsibu s-serħan, inkunu nafu li inti kellimtna bis-sewwa, u nkunu xhieda għaliha *(il-mejda)*."

قَالَ عِيسَى ٱبْنُ مَرْيَمَ ٱللَّهُمَّ رَبَّنَآ أَنزِلْ عَلَيْنَا مَآئِدَةً مِّنَ ٱلسَّمَآءِ
تَكُونُ لَنَا عِيدًا لِّأَوَّلِنَا وَءَاخِرِنَا وَءَايَةً مِّنكَ ۖ وَٱرْزُقْنَا وَأَنتَ
خَيْرُ ٱلرَّٰزِقِينَ ﴿114﴾ قَالَ ٱللَّهُ إِنِّى مُنَزِّلُهَا عَلَيْكُمْ ۖ فَمَن يَكْفُرْ بَعْدُ
مِنكُمْ فَإِنِّىٓ أُعَذِّبُهُۥ عَذَابًا لَّآ أُعَذِّبُهُۥٓ أَحَدًا مِّنَ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿115﴾
وَإِذْ قَالَ ٱللَّهُ يَٰعِيسَى ٱبْنَ مَرْيَمَ ءَأَنتَ قُلْتَ لِلنَّاسِ ٱتَّخِذُونِى
وَأُمِّىَ إِلَٰهَيْنِ مِن دُونِ ٱللَّهِ ۖ قَالَ سُبْحَٰنَكَ مَا يَكُونُ لِىٓ أَنْ
أَقُولَ مَا لَيْسَ لِى بِحَقٍّ ۚ إِن كُنتُ قُلْتُهُۥ فَقَدْ عَلِمْتَهُۥ ۚ تَعْلَمُ مَا فِى
نَفْسِى وَلَآ أَعْلَمُ مَا فِى نَفْسِكَ ۚ إِنَّكَ أَنتَ عَلَّٰمُ ٱلْغُيُوبِ ﴿116﴾ مَا
قُلْتُ لَهُمْ إِلَّا مَآ أَمَرْتَنِى بِهِۦٓ أَنِ ٱعْبُدُوا۟ ٱللَّهَ رَبِّى وَرَبَّكُمْ ۚ وَكُنتُ
عَلَيْهِمْ شَهِيدًا مَّا دُمْتُ فِيهِمْ ۖ فَلَمَّا تَوَفَّيْتَنِى كُنتَ أَنتَ ٱلرَّقِيبَ
عَلَيْهِمْ ۚ وَأَنتَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ شَهِيدٌ ﴿117﴾ إِن تُعَذِّبْهُمْ فَإِنَّهُمْ عِبَادُكَ ۖ
وَإِن تَغْفِرْ لَهُمْ فَإِنَّكَ أَنتَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ ﴿118﴾ قَالَ ٱللَّهُ هَٰذَا يَوْمُ
يَنفَعُ ٱلصَّٰدِقِينَ صِدْقُهُمْ ۚ لَهُمْ جَنَّٰتٌ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ
خَٰلِدِينَ فِيهَآ أَبَدًا ۚ رَّضِىَ ٱللَّهُ عَنْهُمْ وَرَضُوا۟ عَنْهُ ۚ ذَٰلِكَ ٱلْفَوْزُ ٱلْعَظِيمُ ﴿119﴾
لِلَّهِ مُلْكُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَمَا فِيهِنَّ ۚ وَهُوَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿120﴾

114. Ġesù bin Marija qal: "Alla Sidna, niżżel fuqna mejda mis-sema li tkun għalina festa, għall-ewwel wieħed minna u għall-aħħar wieħed minna *(li għad jiġi warajna)*, u sinjal minnek. Għajjixna, għaliex Inti l-Aħjar li tagħti l-għajxien."

115. Alla qal: "Jiena nniżżilha fuqkom, iżda min minnkom imbagħad ma jemminx, Jiena nikkastigah b'kastig li ma nikkastiga lil ħadd bih fil-ħolqien *(kollu)*."

116. U meta Alla qal: "Ja Ġesù bin Marija, jaqaw inti għedt lin-nies: 'Ħudu lili u lil ommi bħala żewġ allat, minflok lil Alla?'" Huwa qal: "Sebħ lilek! Ma jkun *(qatt)* li ngħid dak li ma għandix jedd. Jekk kont ngħid hekk, kont tkun tafu dan. Inti taf x'hemm fija nnifsi, iżda jiena ma nafx x'hemm fik innifsek. Inti tabilħaqq taf kollox fuq kulma huwa mistur.

117. Jiena ma għedtilhomx għajr dak li amartli, *(jiġifieri)*: 'Qimu lil Alla Sidi u Sidkom,' u kont xhud tagħhom sakemm domt fosthom. U meta ħadtni lura *(għandek)*, kont Inti li ħaristhom *(u għassist fuqhom)*. Inti ta' kollox ix-Xhud.

118. Jekk tikkastigahom, huma tabilħaqq il-qaddejja tiegħek, u jekk taħfrilhom, Inti tabilħaqq il-Qawwi u l-Għaref."

119. Alla qal: "Dan Jum meta s-sewwa tal-ġusti jkunilhom ta' fejda. Tagħhom huma Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u jgħammru fihom għal dejjem. L-għaxqa ta' Alla fuqhom, u huma jitgħaxxqu bih. Dik hija r-rebħa l-kbira!"

120. Ta' Alla s-saltna tas-smewwiet u l-art, u kulma fihom, u Huwa fuq kollox Setgħan.

سُورَةُ الأَنْعَامِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ ٱلَّذِى خَلَقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ وَجَعَلَ ٱلظُّلُمَٰتِ
وَٱلنُّورَ ۖ ثُمَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ بِرَبِّهِمْ يَعْدِلُونَ ﴿1﴾ هُوَ ٱلَّذِى
خَلَقَكُم مِّن طِينٍ ثُمَّ قَضَىٰٓ أَجَلًا ۖ وَأَجَلٌ مُّسَمًّى عِندَهُۥ ۖ ثُمَّ أَنتُمْ
تَمْتَرُونَ ﴿2﴾ وَهُوَ ٱللَّهُ فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَفِى ٱلْأَرْضِ ۖ يَعْلَمُ سِرَّكُمْ
وَجَهْرَكُمْ وَيَعْلَمُ مَا تَكْسِبُونَ ﴿3﴾ وَمَا تَأْتِيهِم مِّنْ ءَايَةٍ مِّنْ
ءَايَٰتِ رَبِّهِمْ إِلَّا كَانُوا۟ عَنْهَا مُعْرِضِينَ ﴿4﴾ فَقَدْ كَذَّبُوا۟ بِٱلْحَقِّ
لَمَّا جَآءَهُمْ ۖ فَسَوْفَ يَأْتِيهِمْ أَنۢبَٰٓؤُا۟ مَا كَانُوا۟ بِهِۦ يَسْتَهْزِءُونَ ﴿5﴾ أَلَمْ
يَرَوْا۟ كَمْ أَهْلَكْنَا مِن قَبْلِهِم مِّن قَرْنٍ مَّكَّنَّٰهُمْ فِى ٱلْأَرْضِ مَا لَمْ
نُمَكِّن لَّكُمْ وَأَرْسَلْنَا ٱلسَّمَآءَ عَلَيْهِم مِّدْرَارًا وَجَعَلْنَا ٱلْأَنْهَٰرَ
تَجْرِى مِن تَحْتِهِمْ فَأَهْلَكْنَٰهُم بِذُنُوبِهِمْ وَأَنشَأْنَا مِنۢ بَعْدِهِمْ قَرْنًا
ءَاخَرِينَ ﴿6﴾ وَلَوْ نَزَّلْنَا عَلَيْكَ كِتَٰبًا فِى قِرْطَاسٍ فَلَمَسُوهُ بِأَيْدِيهِمْ
لَقَالَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟ إِنْ هَٰذَآ إِلَّا سِحْرٌ مُّبِينٌ ﴿7﴾ وَقَالُوا۟ لَوْلَآ أُنزِلَ
عَلَيْهِ مَلَكٌ ۖ وَلَوْ أَنزَلْنَا مَلَكًا لَّقُضِىَ ٱلْأَمْرُ ثُمَّ لَا يُنظَرُونَ ﴿8﴾

6. *Sūratu l-'Angħām*

(Suret il-Frat – Niżlet f'Mekka b'165 vers)

F'Isem Alla Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Tifħir lil Alla li ħalaq is-smewwiet u l-art u għamel id-dlamijiet u d-dawl. Imbagħad dawk li ma jemmnux jagħmlu *(allat oħra u jqisuhom)* daqs *(Alla)* Sidhom.
2. Huwa li ħalaqkom minn tajn, imbagħad qata' li jkun hemm żmien *(għal ħajjitkom)*, u għandu żmien fiss *(għal meta tqumu mill-imwiet)*. Imbagħad intom *(minkejja s-sinjali kollha li ġewkom)*, tinsabu bejn ħalltejn *(dwar il-qawmien mill-imwiet)*.
3. Huwa Alla fis-smewwiet u fl-art: jaf dak li tostru u dak li turu, u jaf dak *(it-tajjeb jew il-ħażin)* li tiksbu.
4. Ma jiġihomx sinjal wieħed mis-sinjali ta' Sidhom li ma jagħtuhx daharhom.
5. Huma giddbu s-sewwa meta ġiehom, u se tiġihom l-aħbar ta' dak li kienu jiddieħku bih.
6. Jaqaw ma rawx kemm-il nisel qridna qabilhom *(għaliex giddbu lill-Mibgħutin tagħna)*; konna saħħaħniehom sew *(b'kull ġid)* fl-art, hekk li lanqas lilkom *(ja nies ta' Mekka)* ma saħħaħna *(daqshom)*. U fuqhom ftaħna s-sema b'xita kotrana, u għamilna x-xmajjar jiġru taħthom. Iżda qridniehom minħabba dnubiethom, u warajhom ħriġna nisel ieħor.
7. Li kieku niżżilnielek *(Muħammad)* ktieb *(miktub)* fuq parċmina, u *(setgħu)* imissuh b'idejhom *(u ma jiddubitawx aktar)*, dawk li ċaħdu t-twemmin kienu jgħidu: "Dan ma huwiex għajr seħer fid-dieher!"
8. Huma qalu: "Għaliex ma tniżżilx fuqu xi anġlu?" Li kieku niżżilna *(fuq Muħammad)* xi anġlu, il-kwistjoni kienet tkun maqtugħa, u mbagħad ma kinux jingħataw nifs biex jindmu *(għaliex konna neqirduhom)*.

وَلَوْ جَعَلْنَٰهُ مَلَكًا لَّجَعَلْنَٰهُ رَجُلًا وَلَلَبَسْنَا عَلَيْهِم مَّا
يَلْبِسُونَ ﴿9﴾ وَلَقَدِ ٱسْتُهْزِئَ بِرُسُلٍ مِّن قَبْلِكَ فَحَاقَ
بِٱلَّذِينَ سَخِرُوا۟ مِنْهُم مَّا كَانُوا۟ بِهِۦ يَسْتَهْزِءُونَ ﴿10﴾
قُلْ سِيرُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ ثُمَّ ٱنظُرُوا۟ كَيْفَ كَانَ عَٰقِبَةُ
ٱلْمُكَذِّبِينَ ﴿11﴾ قُل لِّمَن مَّا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ قُل لِّلَّهِ ۚ
كَتَبَ عَلَىٰ نَفْسِهِ ٱلرَّحْمَةَ ۚ لَيَجْمَعَنَّكُمْ إِلَىٰ يَوْمِ ٱلْقِيَٰمَةِ
لَا رَيْبَ فِيهِ ۚ ٱلَّذِينَ خَسِرُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ فَهُمْ لَا يُؤْمِنُونَ
﴿12﴾ ۞ وَلَهُۥ مَا سَكَنَ فِى ٱلَّيْلِ وَٱلنَّهَارِ ۚ وَهُوَ ٱلسَّمِيعُ ٱلْعَلِيمُ
﴿13﴾ قُلْ أَغَيْرَ ٱللَّهِ أَتَّخِذُ وَلِيًّا فَاطِرِ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَهُوَ يُطْعِمُ
وَلَا يُطْعَمُ ۗ قُلْ إِنِّىٓ أُمِرْتُ أَنْ أَكُونَ أَوَّلَ مَنْ أَسْلَمَ ۖ وَلَا
تَكُونَنَّ مِنَ ٱلْمُشْرِكِينَ ﴿14﴾ قُلْ إِنِّىٓ أَخَافُ إِنْ عَصَيْتُ
رَبِّى عَذَابَ يَوْمٍ عَظِيمٍ ﴿15﴾ مَّن يُصْرَفْ عَنْهُ يَوْمَئِذٍ فَقَدْ
رَحِمَهُۥ ۚ وَذَٰلِكَ ٱلْفَوْزُ ٱلْمُبِينُ ﴿16﴾ وَإِن يَمْسَسْكَ ٱللَّهُ بِضُرٍّ
فَلَا كَاشِفَ لَهُۥٓ إِلَّا هُوَ ۖ وَإِن يَمْسَسْكَ بِخَيْرٍ فَهُوَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ
قَدِيرٌ ﴿17﴾ وَهُوَ ٱلْقَاهِرُ فَوْقَ عِبَادِهِۦ ۚ وَهُوَ ٱلْحَكِيمُ ٱلْخَبِيرُ ﴿18﴾

ثلاثة أرباع الحزب 13

9. Li kieku *(lill-Mibgħut tagħna)* għamilnieh anġlu, *(xorta waħda)* konna nagħmluh *(f'suret)* raġel *(għaliex ma jistgħux jaraw anġlu kif tassew hu)*, u konna nħawduhom f'dak li huma *(diġà)* imħawda.
10. Mibgħutin *(oħrajn)* qablek *(Muħammad)* twaqqgħu għaċ-ċajt, iżda dawk li ddieħku bihom *(sfaw)* imdawra *(minn kull naħa)* b'dak *(il-kastig)* li kienu jwaqqgħu għaċ-ċajt.
11. Għid *(Muħammad lil dawk li qegħdin jiddieħku bik)*: "Terrqu fl-art, imbagħad araw kif kien it-tmiem *(tal-biża')* ta' dawk li giddbu *(u ċaħdu t-twemmin)*."
12. Għid: "Ta' min huwa kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art?" Għid: "Ta' Alla! Huwa kiteb għalih innifsu l-ħniena. Huwa tassew jiġmagħkom għal Jum il-Qawmien, li dwaru ma hemm ebda dubju. Dawk li tilfu rwieħhom, huma li ma jemmnux."
13. Tiegħu kulma jinsab fil-lejl u n-nhar, u Huwa jisma' kollox u jaf kollox.
14. Għid *(Muħammad)*: "Jaqaw għandi nieħu *(lil ħaddieħor)* biex iħarisni għajr lil Alla, Ħallieq is-smewwiet u l-art, meta Huwa li jitma', u ma huwiex mitmugħ?" Għid: "Ingħatajt l-amar li nkun l-ewwel *(wieħed minn ġensi)* li nintelaq f'idejn Alla *(bħala Mislem)*, u *(Muħammad)* ara ma tkunx minn dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla)*!"
15. Għid: "Li kieku m'obdejtx lil Sidi, kont nibża' mill-kastig ta' Jum mill-kbar."
16. Dakinhar min jinħeles minnu *(il-kastig)*, *(Alla)* ikun ħenn għalih, u dik tkun ir-rebħa fid-dieher.
17. Jekk Alla jmissek *(Muħammad)* b'xi deni *(bħal faqar jew mard)*, ħadd ma jwarrbu *(minn fuqek)* ħliefu, u jekk imissek b'xi ġid, *(kun af li)* Huwa fuq kollox Setgħan.
18. Huwa wkoll is-Sultan li jaħkem fuq il-qaddejja tiegħu, u Huwa l-Għaref u jaf sewwa *(b'kollox)*.

قُلْ أَيُّ شَيْءٍ أَكْبَرُ شَهَٰدَةً ۖ قُلِ ٱللَّهُ ۖ شَهِيدٌۢ بَيْنِي وَبَيْنَكُمْ ۚ وَأُوحِيَ إِلَيَّ هَٰذَا
ٱلْقُرْءَانُ لِأُنذِرَكُم بِهِۦ وَمَنۢ بَلَغَ ۚ أَئِنَّكُمْ لَتَشْهَدُونَ أَنَّ مَعَ ٱللَّهِ
ءَالِهَةً أُخْرَىٰ ۚ قُل لَّآ أَشْهَدُ ۚ قُلْ إِنَّمَا هُوَ إِلَٰهٌ وَٰحِدٌ وَإِنَّنِي بَرِيٓءٌ مِّمَّا
تُشْرِكُونَ ﴿19﴾ ٱلَّذِينَ ءَاتَيْنَٰهُمُ ٱلْكِتَٰبَ يَعْرِفُونَهُۥ كَمَا يَعْرِفُونَ
أَبْنَآءَهُمُ ۘ ٱلَّذِينَ خَسِرُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ فَهُمْ لَا يُؤْمِنُونَ ﴿20﴾ وَمَنْ أَظْلَمُ
مِمَّنِ ٱفْتَرَىٰ عَلَى ٱللَّهِ كَذِبًا أَوْ كَذَّبَ بِـَٔايَٰتِهِۦٓ ۚ إِنَّهُۥ لَا يُفْلِحُ ٱلظَّٰلِمُونَ
﴿21﴾ وَيَوْمَ نَحْشُرُهُمْ جَمِيعًا ثُمَّ نَقُولُ لِلَّذِينَ أَشْرَكُوٓا۟ أَيْنَ شُرَكَآؤُكُمُ
ٱلَّذِينَ كُنتُمْ تَزْعُمُونَ ﴿22﴾ ثُمَّ لَمْ تَكُن فِتْنَتُهُمْ إِلَّآ أَن قَالُوا۟ وَٱللَّهِ
رَبِّنَا مَا كُنَّا مُشْرِكِينَ ﴿23﴾ ٱنظُرْ كَيْفَ كَذَبُوا۟ عَلَىٰٓ أَنفُسِهِمْ ۚ وَضَلَّ
عَنْهُم مَّا كَانُوا۟ يَفْتَرُونَ ﴿24﴾ وَمِنْهُم مَّن يَسْتَمِعُ إِلَيْكَ ۖ وَجَعَلْنَا عَلَىٰ
قُلُوبِهِمْ أَكِنَّةً أَن يَفْقَهُوهُ وَفِىٓ ءَاذَانِهِمْ وَقْرًا ۚ وَإِن يَرَوْا۟ كُلَّ ءَايَةٍ
لَّا يُؤْمِنُوا۟ بِهَا ۚ حَتَّىٰٓ إِذَا جَآءُوكَ يُجَٰدِلُونَكَ يَقُولُ ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟ إِنْ هَٰذَآ
إِلَّآ أَسَٰطِيرُ ٱلْأَوَّلِينَ ﴿25﴾ وَهُمْ يَنْهَوْنَ عَنْهُ وَيَنْـَٔوْنَ عَنْهُ ۖ وَإِن
يُهْلِكُونَ إِلَّآ أَنفُسَهُمْ وَمَا يَشْعُرُونَ ﴿26﴾ وَلَوْ تَرَىٰٓ إِذْ وُقِفُوا۟ عَلَى ٱلنَّارِ
فَقَالُوا۟ يَٰلَيْتَنَا نُرَدُّ وَلَا نُكَذِّبَ بِـَٔايَٰتِ رَبِّنَا وَنَكُونَ مِنَ ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿27﴾

19. Għid *(Muħammad)*: "X'inhu l-akbar bħala xhieda *(li jiena tassew il-Mibgħut ta' Alla)*?" Għid: "Alla *(innifsu)* jixhed bejni u bejnkom *(li jiena l-Profeta tiegħu)*. Dan il-Qoran tnebbaħ lili biex inwissikom bih, *(lilkom, nies Mekka)* u lil min jasal *(fost il-ġnus, minn issa sa l-aħħar taż-żminijiet)*. Jaqaw tassew tixhdu li ma' Alla hemm allat oħra?" Għid: "Ma nixhidx!" Għid: "Ma huwiex għajr Alla Wieħed, u jiena tabilħaqq ma għandix x'naqsam ma' dak li intom ixxierku *(ma' Alla)*!"

20. Dawk li tajniehom il-Ktieb *(il-Lhud u l-Insara)* jafuh *(lil Muħammad)* bħalma jafu lil uliedhom. Dawk li tilfu lilhom infushom *(għaliex m'emmnux lil Muħammad)* ma jemmnux.

21. Min huwa eħżen minn min jaqla' l-gideb dwar Alla, jew li jgiddeb is-sinjali tiegħu. Tabilħaqq li l-ħżiena ma jkunux rebbiħin.

22. Fil-Jum li niġbruhom ilkoll, se ngħidu lil dawk li xierku: "Fejn huma l-ixirka tagħkom *(li xeriktuhom miegħi)*, li kontu tgħidu *(li għandkom)*?"

23. Imbagħad ma jkollhomx skuża *(u gidba oħra)* ħlief li jgħidu *(b'ħalfa falza)*: "Naħilfu fuq Alla Sidna li aħna ma konniex minn dawk li jxierku!"

24. Ara *(Muħammad)* kif gidbu kontra tagħhom infushom, iżda *(issa)* telquhom dawk *(l-allat foloz)* li kienu jivvintaw *(u sfaw waħidhom, mingħajr għajnuna)*.

25. Hemm minnhom li jisimgħuk, iżda Aħna qegħedna velijiet fuq qlubhom biex ma jifhmuhx *(kliemek)*, u tarraxnielhom widnejhom. U jekk jaraw kull sinjal *(mingħandna)*, huma ma jemmnux fih *(għaliex webbsu rashom wisq)*. Saħansitra meta jiġuk biex iħaqquha miegħek, dawk li ma jemmnux jgħidu: "Dawn ma humiex għajr l-istejjer ta' nies il-qedem!"

26. Huma jżommu *(lil ħaddieħor)* minnu *(il-Qoran)*, u lilhom infushom *(ukoll)* iżommu minnu. Huma *(b'hekk)* ma jeqirdux għajr lilhom infushom, iżda ma jintebħux.

27. Li kieku kellek tara *(Muħammad)*, meta jitwaqqfu fuq in-Nar u jgħidu: "*(Jaħasra)* mhux li konna nintbagħtu lura *(fid-dinja)*! *(Żgur li)* ma ngiddbux *(aktar)* is-sinjali ta' Sidna, u nkunu minn dawk li jemmnu!"

بَلْ بَدَا لَهُم مَّا كَانُوا يُخْفُونَ مِن قَبْلُ ۖ وَلَوْ رُدُّوا لَعَادُوا لِمَا نُهُوا عَنْهُ
وَإِنَّهُمْ لَكَٰذِبُونَ ﴿28﴾ وَقَالُوا إِنْ هِيَ إِلَّا حَيَاتُنَا الدُّنْيَا وَمَا نَحْنُ
بِمَبْعُوثِينَ ﴿29﴾ وَلَوْ تَرَىٰ إِذْ وُقِفُوا عَلَىٰ رَبِّهِمْ ۚ قَالَ أَلَيْسَ هَٰذَا
بِالْحَقِّ ۚ قَالُوا بَلَىٰ وَرَبِّنَا ۚ قَالَ فَذُوقُوا الْعَذَابَ بِمَا كُنتُمْ تَكْفُرُونَ
﴿30﴾ قَدْ خَسِرَ الَّذِينَ كَذَّبُوا بِلِقَاءِ اللَّهِ ۖ حَتَّىٰ إِذَا جَاءَتْهُمُ السَّاعَةُ
بَغْتَةً قَالُوا يَا حَسْرَتَنَا عَلَىٰ مَا فَرَّطْنَا فِيهَا وَهُمْ يَحْمِلُونَ أَوْزَارَهُمْ
عَلَىٰ ظُهُورِهِمْ ۚ أَلَا سَاءَ مَا يَزِرُونَ ﴿31﴾ وَمَا الْحَيَاةُ الدُّنْيَا إِلَّا
لَعِبٌ وَلَهْوٌ ۖ وَلَلدَّارُ الْآخِرَةُ خَيْرٌ لِّلَّذِينَ يَتَّقُونَ ۗ أَفَلَا تَعْقِلُونَ
﴿32﴾ قَدْ نَعْلَمُ إِنَّهُ لَيَحْزُنُكَ الَّذِي يَقُولُونَ ۖ فَإِنَّهُمْ لَا يُكَذِّبُونَكَ
وَلَٰكِنَّ الظَّالِمِينَ بِآيَاتِ اللَّهِ يَجْحَدُونَ ﴿33﴾ وَلَقَدْ كُذِّبَتْ
رُسُلٌ مِّن قَبْلِكَ فَصَبَرُوا عَلَىٰ مَا كُذِّبُوا وَأُوذُوا حَتَّىٰ أَتَاهُمْ نَصْرُنَا ۚ
وَلَا مُبَدِّلَ لِكَلِمَاتِ اللَّهِ ۚ وَلَقَدْ جَاءَكَ مِن نَّبَإِي الْمُرْسَلِينَ
﴿34﴾ وَإِن كَانَ كَبُرَ عَلَيْكَ إِعْرَاضُهُمْ فَإِنِ اسْتَطَعْتَ أَن تَبْتَغِيَ
نَفَقًا فِي الْأَرْضِ أَوْ سُلَّمًا فِي السَّمَاءِ فَتَأْتِيَهُم بِآيَةٍ ۚ وَلَوْ شَاءَ
اللَّهُ لَجَمَعَهُمْ عَلَى الْهُدَىٰ ۚ فَلَا تَكُونَنَّ مِنَ الْجَاهِلِينَ ﴿35﴾

28. Le, *(kollu għalxejn)*! *(Dakinhar ta' Jum il-Ġudizzju)* jidhrilhom dak *(kollu)* li qabel kienu jaħbu. Iżda li kieku jintbagħtu lura *(fid-dinja, xorta waħda)* jerġgħu lura għal dak li tqabbdu jżommu 'l bogħod minnu, għaliex huma tabilħaqq giddibin.

29. Huma jgħidu: "Ma hawnx ħlief ħajjitna fid-dinja, u m'aħniex se nitqajmu *(mill-mewt)*."

30. Li kellek tara meta jitwaqqfu *(imwerwrin)* quddiem Sidhom! Huwa jgħid: "Jaqaw dan ma huwiex tassew?" Huma jgħidu: "Mela, *(dan)* naħilfuh fuq Sidna!" Huwa jgħid: "Mela duqu l-kastig, talli m'emmintux!"

31. Tellifin huma dawk li giddbu l-laqgħa ma' Alla *(f'Jum il-Ġudizzju)*. Imbagħad meta s-siegħa *(ta' din il-laqgħa)* tiġi fuqhom għal għarrieda, huma jgħidu: "Jaħasra għalina, *(mitlufin aħna)*, għaliex ma tajniex kasha *(din is-siegħa tal-biża')*!" Huma jġorru t-toqol tagħhom fuq daharhom. Tassew ħażin dak li jġorru!

32. Il-ħajja ta' *(din)* id-dinja ma hijiex għajr logħob u mogħdija ta' żmien. Id-Dar *(fil-ħajja)* l-Oħra aħjar għal dawk li għandhom il-biża' ta' Alla. Mela ma għandkomx għaqal *(biex tifhmu)*?

33. Nafu tajjeb li dak li qegħdin jgħidu jnikktek *(Muħammad)*. Tabilħaqq li huma mhux lilek qegħdin igiddbu, iżda l-ħżiena jiċħdu s-sinjali ta' Alla.

34. Mibgħutin *(oħra)* qablek tgiddbu: huma stabru, meta tgiddbu u tweġġgħu, sa ma ġiethom l-għajnuna tagħna. Xejn ma jista' jbiddel Kliem Alla. Waslitlek tassew aħbar il-Mibgħutin *(li ġew qablek)*.

35. Jekk huwa kbir *(it-toqol)* għalik minħabba li ma jridux jafu *(bl-Islam)*, jekk tista' tfittex mogħdija taħt l-art, jew sellum fis-sema, u ġġibilhom xi sinjal *(xorta waħda ma jkun jiswa xejn biex iċċaqlaqhom)*. Li kieku jrid, Alla jiġborhom fit-triq it-tajba. Mela la tkunux mill-injuranti!

الحزب 14

۞ إِنَّمَا يَسْتَجِيبُ ٱلَّذِينَ يَسْمَعُونَ ۘ وَٱلْمَوْتَىٰ يَبْعَثُهُمُ ٱللَّهُ ثُمَّ إِلَيْهِ
يُرْجَعُونَ ﴿36﴾ وَقَالُوا۟ لَوْلَا نُزِّلَ عَلَيْهِ ءَايَةٌ مِّن رَّبِّهِۦ ۚ قُلْ إِنَّ ٱللَّهَ
قَادِرٌ عَلَىٰٓ أَن يُنَزِّلَ ءَايَةً وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿37﴾ وَمَا
مِن دَآبَّةٍ فِى ٱلْأَرْضِ وَلَا طَٰٓئِرٍ يَطِيرُ بِجَنَاحَيْهِ إِلَّآ أُمَمٌ أَمْثَالُكُم ۚ
مَّا فَرَّطْنَا فِى ٱلْكِتَٰبِ مِن شَىْءٍ ۚ ثُمَّ إِلَىٰ رَبِّهِمْ يُحْشَرُونَ ﴿38﴾
وَٱلَّذِينَ كَذَّبُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَا صُمٌّ وَبُكْمٌ فِى ٱلظُّلُمَٰتِ ۗ مَن يَشَإِ ٱللَّهُ
يُضْلِلْهُ وَمَن يَشَأْ يَجْعَلْهُ عَلَىٰ صِرَٰطٍ مُّسْتَقِيمٍ ﴿39﴾ قُلْ
أَرَءَيْتَكُمْ إِنْ أَتَىٰكُمْ عَذَابُ ٱللَّهِ أَوْ أَتَتْكُمُ ٱلسَّاعَةُ أَغَيْرَ ٱللَّهِ
تَدْعُونَ إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ ﴿40﴾ بَلْ إِيَّاهُ تَدْعُونَ فَيَكْشِفُ مَا
تَدْعُونَ إِلَيْهِ إِن شَآءَ وَتَنسَوْنَ مَا تُشْرِكُونَ ﴿41﴾ وَلَقَدْ أَرْسَلْنَآ
إِلَىٰٓ أُمَمٍ مِّن قَبْلِكَ فَأَخَذْنَٰهُم بِٱلْبَأْسَآءِ وَٱلضَّرَّآءِ لَعَلَّهُمْ يَتَضَرَّعُونَ
﴿42﴾ فَلَوْلَآ إِذْ جَآءَهُم بَأْسُنَا تَضَرَّعُوا۟ وَلَٰكِن قَسَتْ قُلُوبُهُمْ
وَزَيَّنَ لَهُمُ ٱلشَّيْطَٰنُ مَا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ ﴿43﴾ فَلَمَّا
نَسُوا۟ مَا ذُكِّرُوا۟ بِهِۦ فَتَحْنَا عَلَيْهِمْ أَبْوَٰبَ كُلِّ شَىْءٍ
حَتَّىٰٓ إِذَا فَرِحُوا۟ بِمَآ أُوتُوٓا۟ أَخَذْنَٰهُم بَغْتَةً فَإِذَا هُم مُّبْلِسُونَ ﴿44﴾

36. Dawk biss li jisimgħu *(u jfittxu s-sewwa)* jistgħu jwieġbu. Il-mejtin Alla jqajjimhom, imbagħad lejh jitreġġgħu lura.

37. U jgħidu: "Għaliex ma tniżżillux *(lil Muħammad)* sinjal minn Sidu *(u konna nemmnuh)*?" Għid*(ilhom Muħammad)*: "Tabilħaqq li Alla għandu s-setgħa jniżżel sinjal, iżda ħafna minnhom ma jafux."

38. Ma hemmx ħliqa fl-art u lanqas tajra li ttir bi ġwenħajha li ma humiex ġnus bħalkom. Ma qabżilna xejn mill-Ktieb, u mbagħad lejn Sidhom jinġabru.

39. Dawk li giddbu s-sinjali tagħna huma torox u mbikkma *(u jinsabu)* fid-dlamijiet. Alla jtellef it-triq lil min irid, u lil min irid iqiegħdu fit-triq id-dritta.

40. Għid*(ilhom Muħammad)*: "X'taħsbu, li kieku jiġikom il-kastig ta' Alla, jew tiġikom is-siegħa *(ta' Jum il-Ġudizzju: taħsbu li)* issejħu lil ħaddieħor *(għall-għajnuna)*, għajr lil Alla, jekk tassew qegħdin tgħidu s-sewwa?"

41. Le, *(żgur li ma tagħmlux hekk, anzi)* lilu *(biss)* issejħu, u jekk irid, jeħlis*(kom)* minn dak li *(minħabba fih)* issejħulu. U *(imbagħad)* tinsew dawk *(l-allat fiergħa)* li xxierku *(miegħu)*.

42. Aħna bgħatna *(Mibgħutin)* lil ġnus *(oħra)* qablek, u *(lil dawn il-ġnus)* ħadniehom bit-taħbit u l-ħsara, biex forsi jitolbu b'umiltà.

43. Mhux li talbu b'umiltà meta ġiehom it-taħbit tagħna, iżda qlubhom ibbiesu, u x-Xitan żejnilhom dak li kienu jagħmlu.

44. Imbagħad meta nsew dak li kienu mwissijin bih, ftaħna fuqhom il-bwieb *(tal-ġid)* ta' kull ħaġa, sa ma *(fl-aqwa)* tal-ferħ tagħhom b'dak li kienu ngħataw *(mingħandna)* ħadniehom għal għarrieda, hekk li *(issa)* huma qatgħu qalbhom għal kollox.

فَقُطِعَ دَابِرُ ٱلْقَوْمِ ٱلَّذِينَ ظَلَمُوا۟ ۚ وَٱلْحَمْدُ لِلَّهِ رَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿45﴾
قُلْ أَرَءَيْتُمْ إِنْ أَخَذَ ٱللَّهُ سَمْعَكُمْ وَأَبْصَٰرَكُمْ وَخَتَمَ عَلَىٰ قُلُوبِكُم
مَّنْ إِلَٰهٌ غَيْرُ ٱللَّهِ يَأْتِيكُم بِهِ ۗ ٱنظُرْ كَيْفَ نُصَرِّفُ ٱلْءَايَٰتِ
ثُمَّ هُمْ يَصْدِفُونَ ﴿46﴾ قُلْ أَرَءَيْتَكُمْ إِنْ أَتَىٰكُمْ عَذَابُ ٱللَّهِ
بَغْتَةً أَوْ جَهْرَةً هَلْ يُهْلَكُ إِلَّا ٱلْقَوْمُ ٱلظَّٰلِمُونَ ﴿47﴾ وَمَا
نُرْسِلُ ٱلْمُرْسَلِينَ إِلَّا مُبَشِّرِينَ وَمُنذِرِينَ ۖ فَمَنْ ءَامَنَ وَأَصْلَحَ
فَلَا خَوْفٌ عَلَيْهِمْ وَلَا هُمْ يَحْزَنُونَ ﴿48﴾ وَٱلَّذِينَ كَذَّبُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَا
يَمَسُّهُمُ ٱلْعَذَابُ بِمَا كَانُوا۟ يَفْسُقُونَ ﴿49﴾ قُل لَّآ أَقُولُ لَكُمْ
عِندِى خَزَآئِنُ ٱللَّهِ وَلَآ أَعْلَمُ ٱلْغَيْبَ وَلَآ أَقُولُ لَكُمْ إِنِّى مَلَكٌ ۖ
إِنْ أَتَّبِعُ إِلَّا مَا يُوحَىٰٓ إِلَىَّ ۚ قُلْ هَلْ يَسْتَوِى ٱلْأَعْمَىٰ وَٱلْبَصِيرُ ۚ
أَفَلَا تَتَفَكَّرُونَ ﴿50﴾ وَأَنذِرْ بِهِ ٱلَّذِينَ يَخَافُونَ أَن يُحْشَرُوٓا۟
إِلَىٰ رَبِّهِمْ لَيْسَ لَهُم مِّن دُونِهِۦ وَلِىٌّ وَلَا شَفِيعٌ لَّعَلَّهُمْ يَتَّقُونَ
﴿51﴾ وَلَا تَطْرُدِ ٱلَّذِينَ يَدْعُونَ رَبَّهُم بِٱلْغَدَوٰةِ وَٱلْعَشِىِّ يُرِيدُونَ
وَجْهَهُۥ ۖ مَا عَلَيْكَ مِنْ حِسَابِهِم مِّن شَىْءٍ وَمَا مِنْ حِسَابِكَ
عَلَيْهِم مِّن شَىْءٍ فَتَطْرُدَهُمْ فَتَكُونَ مِنَ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿52﴾

45. B'hekk inqata' *(u ġie fix-xejn)* dak li baqa' minn ġens il-ħżiena. Tifħir lil Alla Sid il-ħolqien!

46. Għid*(ilhom Muħammad lil nies Mekka)*: "X'taħsbu, li kieku Alla jeħdilkom is-smigħ tagħkom u dawl għajnejkom, u jqiegħed siġill fuq qlubkom, liema alla, għajr Alla, iroddhomlkom lura?" Ara kif infissru*(lhom)* is-sinjali *(tagħna)*, imbagħad *(ma jagħtux kas u)* jitilqu 'l hemm.

47. Għid*(ilhom)*: "X'taħsbu, li kieku jiġikom il-kastig ta' Alla għal għarrieda jew fid-dieher; min jinqered, ħlief in-nies il-ħżiena?"

48. Aħna ma nibagħtux lill-Mibgħutin jekk mhux biex jagħtu l-bxara u biex iwissu. Mela min jemmen u jibdel ħajtu għat-tajjeb, *(dawk)* ma hemm ebda biża' fuqhom u lanqas jitnikktu.

49. U dawk li jgiddbu s-sinjali tagħna *(għad)* imisshom il-kastig tal-ħażen li kienu jagħmlu.

50. Għid*(ilhom Muħammad)*: "M'iniex ngħidilkom li għandi l-ħażniet tat-teżori ta' Alla, la naf il-ħwejjeġ mistura, u lanqas ngħidilkom li jiena anġlu. Jiena nimxi biss fuq dak li tnebbaħ lili." Għid*(ilhom)*: "Jaqaw l-agħma u min jara huma ndaqs? Mela ma tixtarrux *(dan il-kliem)*?"

51. Wissi bih *(dan il-Qoran)* lil dawk li jibżgħu li jinġabru lejn Sidhom: ma għandhomx ħliefu min iħarishom jew jidħol għalihom, biex forsi jkollhom il-biża' ta' Alla.

52. U la tkeċċix *(lill-imsejknin minn ħdejk)* li jsejħu lil Sidhom filgħodu u filgħaxija, u jfittxu lil Wiċċu. Inti ma għandek x'taqsam xejn mal-kont tagħhom *(li jridu jagħtu lil Alla, u m'intix responsabbli għalihom)*, u huma ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-kont tiegħek *(li trid tagħti lil Alla)*. Jekk tkeċċihom, tkun mill-ħżiena.

وَكَذَٰلِكَ فَتَنَّا بَعْضَهُم بِبَعْضٍ لِّيَقُولُوٓا۟ أَهَٰٓؤُلَآءِ مَنَّ ٱللَّهُ
عَلَيْهِم مِّنۢ بَيْنِنَآ ۗ أَلَيْسَ ٱللَّهُ بِأَعْلَمَ بِٱلشَّٰكِرِينَ ﴿53﴾ وَإِذَا
جَآءَكَ ٱلَّذِينَ يُؤْمِنُونَ بِـَٔايَٰتِنَا فَقُلْ سَلَٰمٌ عَلَيْكُمْ ۖ كَتَبَ
رَبُّكُمْ عَلَىٰ نَفْسِهِ ٱلرَّحْمَةَ ۖ أَنَّهُۥ مَنْ عَمِلَ مِنكُمْ سُوٓءًۢا
بِجَهَٰلَةٍ ثُمَّ تَابَ مِنۢ بَعْدِهِۦ وَأَصْلَحَ فَأَنَّهُۥ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿54﴾
وَكَذَٰلِكَ نُفَصِّلُ ٱلْـَٔايَٰتِ وَلِتَسْتَبِينَ سَبِيلُ ٱلْمُجْرِمِينَ ﴿55﴾
قُلْ إِنِّى نُهِيتُ أَنْ أَعْبُدَ ٱلَّذِينَ تَدْعُونَ مِن دُونِ ٱللَّهِ ۚ قُل لَّآ أَتَّبِعُ
أَهْوَآءَكُمْ ۙ قَدْ ضَلَلْتُ إِذًا وَمَآ أَنَا۠ مِنَ ٱلْمُهْتَدِينَ ﴿56﴾
قُلْ إِنِّى عَلَىٰ بَيِّنَةٍ مِّن رَّبِّى وَكَذَّبْتُم بِهِۦ ۚ مَا عِندِى مَا
تَسْتَعْجِلُونَ بِهِۦٓ ۚ إِنِ ٱلْحُكْمُ إِلَّا لِلَّهِ ۖ يَقُصُّ ٱلْحَقَّ ۖ وَهُوَ خَيْرُ
ٱلْفَٰصِلِينَ ﴿57﴾ قُل لَّوْ أَنَّ عِندِى مَا تَسْتَعْجِلُونَ بِهِۦ لَقُضِىَ
ٱلْأَمْرُ بَيْنِى وَبَيْنَكُمْ ۗ وَٱللَّهُ أَعْلَمُ بِٱلظَّٰلِمِينَ ﴿58﴾
۞ وَعِندَهُۥ مَفَاتِحُ ٱلْغَيْبِ لَا يَعْلَمُهَآ إِلَّا هُوَ ۚ وَيَعْلَمُ مَا فِى
ٱلْبَرِّ وَٱلْبَحْرِ ۚ وَمَا تَسْقُطُ مِن وَرَقَةٍ إِلَّا يَعْلَمُهَا وَلَا حَبَّةٍ
فِى ظُلُمَٰتِ ٱلْأَرْضِ وَلَا رَطْبٍ وَلَا يَابِسٍ إِلَّا فِى كِتَٰبٍ مُّبِينٍ ﴿59﴾

ربع الحزب 14

وَهُوَ

53. B'hekk inġarrbu*(hom lill-foqra u lill-għonja)* b'xulxin, hekk li *(il-kbarat)* jgħidu: "Jaqaw dawn *(il-fqar u l-imsejknin huma n-nies)* fostna li Alla wera t-tjieba tiegħu magħhom *(u wriehom it-triq ta' l-Islam)*?" Mela mhux Alla jaf l-aktar b'dawk li jiżżu ħajr?

54. U meta jiġuk dawk li jemmnu fis-sinjali tagħna, għid*(ilhom)*: "Sliem għalikom! Sidkom kiteb għalih innifsu l-ħniena, *(hekk li)* min minnkom jagħmel xi deni bla ma jaf, imbagħad wara jindem u jibdel ħajtu għat-tajjeb, Huwa tabilħaqq Kollu Maħfra u Ħanin."

55. Hekk infissru bir-reqqa r-Rivelazzjoni, biex tidher biċ-ċar triq il-ħatjin.

56. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Jiena mwissi biex ma nqimx lil dawk li intom issejħu minflok Alla." Għid*(ilhom ukoll)*: "Ma nimxix wara xewqatkom *(għaliex inkella)* inkun ħriġt mit-triq, u ma nkunx minn dawk li jinsabu fit-triq it-tajba."

57. Għid*(ilhom)*: "Jiena *(noqgħod)* fuq dak li ntwera biċ-ċar minn Sidi, iżda intom *(is-sewwa)* giddibtuh. Jiena ma għandix dak *(il-kastig)* li intom mgħaġġlin għalih. Id-deċiżjoni hija ta' Alla biss. Huwa jħabbar il-ħaqq, u Huwa l-Aħjar fost dawk li jiddeċiedu."

58. Għid*(ilhom)*: "Li kieku għandi dak *(il-kastig)* li intom mgħaġġlin għalih, il-kwistjoni kienet tkun maqtugħa bejni u bejnkom. Iżda Alla jaf l-aktar bil-ħżiena."

59. Għandu jinsabu l-imfietaħ tal-ħwejjeġ mistura, u ħadd ħliefu ma jaf bihom. Huwa jaf b'dak li hemm fl-art u fil-baħar, u ma taqax werqa li ma jafx biha, lanqas żerriegħa fid-dlamijiet ta' l-art, u ebda ħaġa ratba *(li għadha tħaddar)* jew iebsa *(li dbielet)*, li ma hijiex *(imniżżla)* fi Ktieb ċar.

وَهُوَ ٱلَّذِى يَتَوَفَّىٰكُم بِٱلَّيْلِ وَيَعْلَمُ مَا جَرَحْتُم بِٱلنَّهَارِ ثُمَّ
يَبْعَثُكُمْ فِيهِ لِيُقْضَىٰٓ أَجَلٌ مُّسَمًّى ۖ ثُمَّ إِلَيْهِ مَرْجِعُكُمْ
ثُمَّ يُنَبِّئُكُم بِمَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿60﴾ وَهُوَ ٱلْقَاهِرُ فَوْقَ عِبَادِهِۦ ۖ
وَيُرْسِلُ عَلَيْكُمْ حَفَظَةً حَتَّىٰٓ إِذَا جَآءَ أَحَدَكُمُ ٱلْمَوْتُ تَوَفَّتْهُ
رُسُلُنَا وَهُمْ لَا يُفَرِّطُونَ ﴿61﴾ ثُمَّ رُدُّوٓا۟ إِلَى ٱللَّهِ مَوْلَىٰهُمُ ٱلْحَقِّ ۚ
أَلَا لَهُ ٱلْحُكْمُ وَهُوَ أَسْرَعُ ٱلْحَٰسِبِينَ ﴿62﴾ قُلْ مَن يُنَجِّيكُم مِّن
ظُلُمَٰتِ ٱلْبَرِّ وَٱلْبَحْرِ تَدْعُونَهُۥ تَضَرُّعًا وَخُفْيَةً لَّئِنْ أَنجَىٰنَا مِنْ هَٰذِهِۦ
لَنَكُونَنَّ مِنَ ٱلشَّٰكِرِينَ ﴿63﴾ قُلِ ٱللَّهُ يُنَجِّيكُم مِّنْهَا وَمِن كُلِّ كَرْبٍ
ثُمَّ أَنتُمْ تُشْرِكُونَ ﴿64﴾ قُلْ هُوَ ٱلْقَادِرُ عَلَىٰٓ أَن يَبْعَثَ عَلَيْكُمْ عَذَابًا
مِّن فَوْقِكُمْ أَوْ مِن تَحْتِ أَرْجُلِكُمْ أَوْ يَلْبِسَكُمْ شِيَعًا وَيُذِيقَ بَعْضَكُم
بَأْسَ بَعْضٍ ۗ ٱنظُرْ كَيْفَ نُصَرِّفُ ٱلْءَايَٰتِ لَعَلَّهُمْ يَفْقَهُونَ ﴿65﴾
وَكَذَّبَ بِهِۦ قَوْمُكَ وَهُوَ ٱلْحَقُّ ۚ قُل لَّسْتُ عَلَيْكُم بِوَكِيلٍ ﴿66﴾ لِّكُلِّ
نَبَإٍ مُّسْتَقَرٌّ ۚ وَسَوْفَ تَعْلَمُونَ ﴿67﴾ وَإِذَا رَأَيْتَ ٱلَّذِينَ يَخُوضُونَ فِىٓ
ءَايَٰتِنَا فَأَعْرِضْ عَنْهُمْ حَتَّىٰ يَخُوضُوا۟ فِى حَدِيثٍ غَيْرِهِۦ ۚ وَإِمَّا يُنسِيَنَّكَ
ٱلشَّيْطَٰنُ فَلَا تَقْعُدْ بَعْدَ ٱلذِّكْرَىٰ مَعَ ٱلْقَوْمِ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿68﴾

60. Huwa li jeħdilkom irwieħkom billejl, u jaf b'dak li għamiltu binhar, imbagħad iqajjimkom fih *(fl-istess jum)* biex jinġieb fi tmiemu ż-żmien fiss. Imbagħad għandu terġgħu lura, u mbagħad jgħarrafkom b'dak li kontu tagħmlu.

61. Huwa Dak li ħadd ma jista' għalih, *(li jaħkem)* fuq il-qaddejja tiegħu. Huwa jibagħtilkom *(anġli)* li jżommu kont *(ta' kulma tagħmlu)*, biex meta l-mewt tiġi għand xi ħadd minnkom, il-Mibgħutin tagħna *(l-anġli)* jeħdulu ruħu, u huma ma jonqsu qatt *(minn dmirhom lejn Alla u lejn il-bnedmin.)*

62. Imbagħad *(il-qaddejja)* jintraddu lura għand Alla, il-Mulej tagħhom, is-Sewwa. Tiegħu biss id-deċiżjoni, u Huwa l-eħfef fost dawk li jagħmlu l-kontijiet.

63. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Min jeħliskom mid-dlamijiet ta' l-art u l-baħar? Intom issejħulu *(lil Sidkom)* b'umiltà u fis-satra *(u tgħidu hekk)*: 'Jekk jeħlisna minn dan *(is-saram)*, tassew inkunu minn dawk li jiżżu ħajr.'"

64. Għid*(ilhom)*: "Alla jeħliskom minnu, u minn kull diqa. Imbagħad intom ixxierku *(allat oħra ma' Alla)*!"

65. Għid*(ilhom)*: "Huwa għandu s-setgħa jibagħtilkom kastig minn fuqkom *(bħall-beraq, l-għargħar, l-irwiefen, jew il-lava mill-vulkani)*, jew minn taħt riġlejkom *(bħat-theżżiżiet ta' l-art)*, jew li jħawwadkom u tinqasmu f'ġemgħat, u jdewwaq uħud minnkom il-ħruxija ta' l-oħrajn." Ara kif infissru*(lhom)* is-sinjali *(tagħna)* biex forsi jifhmu.

66. Iżda niesek *(il-Qurajxin)* ċaħduh *(il-Qoran)*, minkejja li huwa s-sewwa. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Jiena ma għandix setgħa fuqkom *(biex immexxikom fit-triq id-dritta)*."

67. Kull aħbar *(li tiġi mingħand Alla)* għandha żmienha, u se tkunu tafu *(ma ddumux, x'kastig imisskom)*!

68. U meta tara lil dawk li jitkellmu fieragħ dwar is-sinjali tagħna, warrab minnhom, sa ma jaqbdu kliem ieħor. Li kellu x-Xitan *(xi darba)* inessik, meta terġa' tiftakar, la toqgħodx man-nies il-ħżiena.

وَمَا عَلَى ٱلَّذِينَ يَتَّقُونَ مِنْ حِسَابِهِم مِّن شَىْءٍ وَلَٰكِن
ذِكْرَىٰ لَعَلَّهُمْ يَتَّقُونَ ﴿69﴾ وَذَرِ ٱلَّذِينَ ٱتَّخَذُوا۟
دِينَهُمْ لَعِبًا وَلَهْوًا وَغَرَّتْهُمُ ٱلْحَيَوٰةُ ٱلدُّنْيَا ۚ وَذَكِّرْ بِهِۦٓ
أَن تُبْسَلَ نَفْسٌۢ بِمَا كَسَبَتْ لَيْسَ لَهَا مِن دُونِ ٱللَّهِ وَلِىٌّ
وَلَا شَفِيعٌ وَإِن تَعْدِلْ كُلَّ عَدْلٍ لَّا يُؤْخَذْ مِنْهَآ ۗ أُو۟لَٰٓئِكَ
ٱلَّذِينَ أُبْسِلُوا۟ بِمَا كَسَبُوا۟ ۖ لَهُمْ شَرَابٌ مِّنْ حَمِيمٍ وَعَذَابٌ
أَلِيمٌۢ بِمَا كَانُوا۟ يَكْفُرُونَ ﴿70﴾ قُلْ أَنَدْعُوا۟ مِن دُونِ ٱللَّهِ
مَا لَا يَنفَعُنَا وَلَا يَضُرُّنَا وَنُرَدُّ عَلَىٰٓ أَعْقَٰبِنَا بَعْدَ إِذْ هَدَىٰنَا ٱللَّهُ
كَٱلَّذِى ٱسْتَهْوَتْهُ ٱلشَّيَٰطِينُ فِى ٱلْأَرْضِ حَيْرَانَ لَهُۥٓ أَصْحَٰبٌ
يَدْعُونَهُۥٓ إِلَى ٱلْهُدَى ٱئْتِنَا ۗ قُلْ إِنَّ هُدَى ٱللَّهِ هُوَ ٱلْهُدَىٰ ۖ
وَأُمِرْنَا لِنُسْلِمَ لِرَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿71﴾ وَأَنْ أَقِيمُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ
وَٱتَّقُوهُ ۚ وَهُوَ ٱلَّذِىٓ إِلَيْهِ تُحْشَرُونَ ﴿72﴾ وَهُوَ ٱلَّذِى
خَلَقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ بِٱلْحَقِّ ۖ وَيَوْمَ يَقُولُ كُن
فَيَكُونُ ۚ قَوْلُهُ ٱلْحَقُّ ۚ وَلَهُ ٱلْمُلْكُ يَوْمَ يُنفَخُ فِى ٱلصُّورِ ۚ
عَٰلِمُ ٱلْغَيْبِ وَٱلشَّهَٰدَةِ ۚ وَهُوَ ٱلْحَكِيمُ ٱلْخَبِيرُ ﴿73﴾

69. Dawk li jibżgħu minn Alla ma għandhomx x'jaqsmu mal-kont tagħhom *(tal-ħżiena, li jridu jagħtu lil Alla)*, iżda *(għandhom biss)* ifakkru*(hom)*, biex forsi jibżgħu minn Alla.

70. U itlaq *(Muħammad)* lil dawk li jieħdu r-reliġjon tagħhom bil-logħob u b'mogħdija ta' żmien, u lil dawk li l-ħajja *(f'din)* id-dinja qarrqet bihom *(hekk li ħasbu li ma hemmx ħajja oħra)*. U fakkar bih, *(b'dan il-Ktieb, lill-bnedmin)* li r-ruħ tinqered minħabba dak li tkun kisbet *(b'għemilha)*, u ma jkollha lil ħadd, għajr lil Alla, li jħarisha jew li jidħol għaliha. Li kellha *(din ir-ruħ)* tagħti kull fidwa *(biex tinfeda)*, ma titteħidx minnha. Dawk huma li jsibu l-qerda tagħhom minħabba dak li kisbu *(b'għemilhom)*. Ix-xorb tagħhom ikun ilma jismot u kastig ta' wġigħ, għaliex kienu jiċħdu lil Alla.

71. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Jaqaw se nsejħu lil ħaddieħor, flok lil Alla; lil dak *(l-idolu tal-ġebel)* li la *(jista')* ikunilna ta' fejda u lanqas *(jista')* ikunilna ta' ħsara, u nerġgħu lura għalli konna qabel *(pagani)* wara li Alla wriena t-triq, *(u nkunu)* bħal dak li x-xjaten ġennuh *(u blieh hekk li jterraq)* fl-art mitluf? Huwa għandu sħabu jsejħulu lejn it-tmexxija t-tajba *(u jgħidulu)*: 'Ejja għandna.'" Għid *(Muħammad)*: "Ma hemmx tmexxija tajba għajr dik ta' Alla, u aħna ħadna l-amar li għandna nintelqu f'idejn Alla Sid il-ħolqien,

72. u *(intqal lilna)* agħmlu t-talb, u ibżgħu minnu *(Alla)* għaliex Huwa Dak li għandu għad tingħabru."

73. Huwa li ħalaq is-smewwiet u l-art bis-sewwa, u fil-jum li jgħid: "Kun!" *(kollox)* ikun. Kliemu huwa s-sewwa. Tiegħu s-saltna dakinhar li tindaqq it-trumbetta *(u jqumu l-mejtin għall-Ġudizzju)*. Huwa jaf il-mistur u dak li jidher. Huwa l-Għaref u jaf sewwa *(b'kollox)*.

نصف الحزب 14

۞ وَإِذْ قَالَ إِبْرَٰهِيمُ لِأَبِيهِ ءَازَرَ أَتَتَّخِذُ أَصْنَامًا ءَالِهَةً ۖ إِنِّىٓ
أَرَىٰكَ وَقَوْمَكَ فِى ضَلَٰلٍ مُّبِينٍ ﴿74﴾ وَكَذَٰلِكَ نُرِىٓ إِبْرَٰهِيمَ
مَلَكُوتَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَلِيَكُونَ مِنَ ٱلْمُوقِنِينَ ﴿75﴾
فَلَمَّا جَنَّ عَلَيْهِ ٱلَّيْلُ رَءَا كَوْكَبًا ۖ قَالَ هَٰذَا رَبِّى ۖ فَلَمَّآ أَفَلَ قَالَ
لَآ أُحِبُّ ٱلْءَافِلِينَ ﴿76﴾ فَلَمَّا رَءَا ٱلْقَمَرَ بَازِغًا قَالَ هَٰذَا
رَبِّى ۖ فَلَمَّآ أَفَلَ قَالَ لَئِن لَّمْ يَهْدِنِى رَبِّى لَأَكُونَنَّ مِنَ ٱلْقَوْمِ
ٱلضَّآلِّينَ ﴿77﴾ فَلَمَّا رَءَا ٱلشَّمْسَ بَازِغَةً قَالَ هَٰذَا رَبِّى هَٰذَآ
أَكْبَرُ ۖ فَلَمَّآ أَفَلَتْ قَالَ يَٰقَوْمِ إِنِّى بَرِىٓءٌ مِّمَّا تُشْرِكُونَ ﴿78﴾
إِنِّى وَجَّهْتُ وَجْهِىَ لِلَّذِى فَطَرَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ
حَنِيفًا ۖ وَمَآ أَنَا۠ مِنَ ٱلْمُشْرِكِينَ ﴿79﴾ وَحَآجَّهُۥ قَوْمُهُۥ ۚ قَالَ
أَتُحَٰٓجُّوٓنِّى فِى ٱللَّهِ وَقَدْ هَدَىٰنِ ۚ وَلَآ أَخَافُ مَا تُشْرِكُونَ بِهِۦٓ
إِلَّآ أَن يَشَآءَ رَبِّى شَيْـًٔا ۗ وَسِعَ رَبِّى كُلَّ شَىْءٍ عِلْمًا ۗ أَفَلَا
تَتَذَكَّرُونَ ﴿80﴾ وَكَيْفَ أَخَافُ مَآ أَشْرَكْتُمْ وَلَا
تَخَافُونَ أَنَّكُمْ أَشْرَكْتُم بِٱللَّهِ مَا لَمْ يُنَزِّلْ بِهِۦ عَلَيْكُمْ
سُلْطَٰنًا ۚ فَأَىُّ ٱلْفَرِيقَيْنِ أَحَقُّ بِٱلْأَمْنِ ۖ إِن كُنتُمْ تَعْلَمُونَ ﴿81﴾

74. *(Ftakar Muħammad)* meta Abraham qal lil missieru Āżar: "Jaqaw int tieħu l-idoli bħala allat? Jiena tabilħaqq qed nara li inti u niesek tinsabu f'telfien mill-aktar ċar."

75. Hekk ukoll urejna lil Abraham is-saltna tas-smewwiet u l-art biex ikun minn dawk li jemmnu bis-sħiħ.

76. U meta l-lejl għatta fuqu, ra kewkba u qal: "Dan sidi!" Iżda meta *(il-kewkba)* għebet *(wara x-xefaq)*, huwa qal: "Ma nħobbx dawk li jgħibu."

77. U meta ra l-qamar tiela' qal: "Dan sidi!" Iżda meta *(il-qamar)* għeb *(wara x-xefaq)*, huwa qal: "Jekk Sidi ma huwiex se jmexxini, tassew se nkun minn dawk li tilfu t-triq."

78. U meta ra x-xemx tielgħa qal: "Dan sidi, dan akbar *(mill-kwiekeb u l-qamar)*!" Iżda meta *(ix-xemx)* niżlet qal: "Ja niesi, jiena ma għandix x'naqsam mal-qima li qegħdin tagħtu lill-allat foloz.

79. Għaliex jiena dawwart wiċċi, kollni twemmin safi, lejn Dak li ħalaq is-smewwiet u l-art, u m'iniex minn dawk li jxierku *(allat foloz ma' Alla)*."

80. Niesu ħaqquha miegħu u qal*(ilhom)*: "Qed tħaqquha miegħi fuq Alla meta Huwa *(innifsu)* urieni t-triq? Jiena ma nibżax minn dawk *(l-allat foloz)* illi xxierku miegħu, ħlief jekk Sidi jkun irid li xi ħaġa *(isseħħ)*. Sidi jesa' l-għarfien ta' kollox. Mela kif ma tiftakrux *(f'dawn it-twissijiet)*?

81. U kif nibża' minn dak li xxierku *(ma' Alla)* filwaqt li intom ma tibżgħux ixxierku *(allat oħra)* ma' Alla, mingħajr ma niżżlilkom il-permess li tagħmlu dan? Mela liema miż-żewġ ġemgħat *(tagħkom il-pagani u tagħna l-Misilmin)* jistħoqqilha l-akbar ħarsien u sliem *(minn Alla)*, jekk *(tassew)* tafu?

ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَلَمْ يَلْبِسُوٓا۟ إِيمَٰنَهُم بِظُلْمٍ أُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمُ ٱلْأَمْنُ
وَهُم مُّهْتَدُونَ ﴿82﴾ وَتِلْكَ حُجَّتُنَآ ءَاتَيْنَٰهَآ إِبْرَٰهِيمَ عَلَىٰ
قَوْمِهِۦ ۚ نَرْفَعُ دَرَجَٰتٍ مَّن نَّشَآءُ ۗ إِنَّ رَبَّكَ حَكِيمٌ عَلِيمٌ ﴿83﴾
وَوَهَبْنَا لَهُۥٓ إِسْحَٰقَ وَيَعْقُوبَ ۚ كُلًّا هَدَيْنَا ۚ وَنُوحًا
هَدَيْنَا مِن قَبْلُ ۖ وَمِن ذُرِّيَّتِهِۦ دَاوُۥدَ وَسُلَيْمَٰنَ وَأَيُّوبَ
وَيُوسُفَ وَمُوسَىٰ وَهَٰرُونَ ۚ وَكَذَٰلِكَ نَجْزِى ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿84﴾
وَزَكَرِيَّا وَيَحْيَىٰ وَعِيسَىٰ وَإِلْيَاسَ ۖ كُلٌّ مِّنَ ٱلصَّٰلِحِينَ ﴿85﴾
وَإِسْمَٰعِيلَ وَٱلْيَسَعَ وَيُونُسَ وَلُوطًا ۚ وَكُلًّا فَضَّلْنَا عَلَى
ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿86﴾ وَمِنْ ءَابَآئِهِمْ وَذُرِّيَّٰتِهِمْ وَإِخْوَٰنِهِمْ ۖ وَٱجْتَبَيْنَٰهُمْ
وَهَدَيْنَٰهُمْ إِلَىٰ صِرَٰطٍ مُّسْتَقِيمٍ ﴿87﴾ ذَٰلِكَ هُدَى ٱللَّهِ يَهْدِى
بِهِۦ مَن يَشَآءُ مِنْ عِبَادِهِۦ ۚ وَلَوْ أَشْرَكُوا۟ لَحَبِطَ عَنْهُم مَّا كَانُوا۟
يَعْمَلُونَ ﴿88﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ ءَاتَيْنَٰهُمُ ٱلْكِتَٰبَ وَٱلْحُكْمَ وَٱلنُّبُوَّةَ ۚ
فَإِن يَكْفُرْ بِهَا هَٰٓؤُلَآءِ فَقَدْ وَكَّلْنَا بِهَا قَوْمًا لَّيْسُوا۟ بِهَا بِكَٰفِرِينَ
﴿89﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ هَدَى ٱللَّهُ ۖ فَبِهُدَىٰهُمُ ٱقْتَدِهْ ۗ قُل لَّآ
أَسْـَٔلُكُمْ عَلَيْهِ أَجْرًا ۖ إِنْ هُوَ إِلَّا ذِكْرَىٰ لِلْعَٰلَمِينَ ﴿90﴾

82. *(Hija l-ġemgħa ta' dawk)* li jemmnu u li ma jħawdux it-twemmin tagħhom bil-ħażen; tagħhom huwa l-ħarsien u s-sliem *(minn Alla)*, u jinsabu fit-triq it-tajba."

83. Din kienet il-prova li tajna lil Abraham kontra niesu. Aħna ngħollu fi gradi *(ta' għerf u ġieħ)* lil min irridu. Tabilħaqq li Sidek Għaref u jaf b'kollox.

84. *(Lil Abraham)* tajnieh lil Iżakk u lil Ġakobb, u lkoll urejniehom it-triq it-tajba. Qabel, konna wrejna t-triq lil Noè, u minn nislu *(nisel Abraham)* hemm David, Salamun, Ġob, Ġużeppi, Mosè u Aron; hekk inħallsu lil dawk li jagħmlu t-tajjeb,

85. u Żakkarija, Ġwanni, Ġesù u Elija, kollha mill-ġusti,

86. u Ismagħel, Eliżew, Ġona, u Lot; kollha ppreferejniehom mill-ħolqien *(ta' żmienhom)*,

87. u *(mexxejna wkoll oħrajn)* minn fost missirijiethom, minn nisilhom, u minn ħuthom, u għażilniehom u qabbadniehom triq drittą.

88. Dik hija t-tmexxija t-tajba ta' Alla; biha jmexxi lil min irid mill-qaddejja tiegħu. Li kieku xierku *(allat foloz ma' Alla)*, ma kien jiswielhom xejn dak li kienu jagħmlu.

89. Dawk kienu li tajniehom il-Ktieb, l-għerf u l-profezija. Jekk dawn *(li huma mnissla minnhom)* ma jemmnux fihom *(il-messaġġi)*, Aħna tassew ngħadduhom lil ġens *(ieħor, dak tal-Misilmin)* li ma huwiex se jiċħadhom.

90. Dawk huma li Alla mexxa fit-triq it-tajba, u inti *(Muħammad)* imxi fi triqithom. Għid*(ilhom)*: "M'iniex nitlobkom ħlas ta' dan *(li qiegħed inxandar)*. Dan *(il-Qoran)* ma huwiex ħlief tifkira *(u twissija)* lill-ħolqien."

وَمَا قَدَرُوا۟ ٱللَّهَ حَقَّ قَدْرِهِۦٓ إِذْ قَالُوا۟ مَآ أَنزَلَ ٱللَّهُ عَلَىٰ بَشَرٍ مِّن شَىْءٍ ۗ
قُلْ مَنْ أَنزَلَ ٱلْكِتَٰبَ ٱلَّذِى جَآءَ بِهِۦ مُوسَىٰ نُورًا وَهُدًى لِّلنَّاسِ ۖ
تَجْعَلُونَهُۥ قَرَاطِيسَ تُبْدُونَهَا وَتُخْفُونَ كَثِيرًا ۖ وَعُلِّمْتُم مَّا لَمْ تَعْلَمُوٓا۟
أَنتُمْ وَلَآ ءَابَآؤُكُمْ ۖ قُلِ ٱللَّهُ ۖ ثُمَّ ذَرْهُمْ فِى خَوْضِهِمْ يَلْعَبُونَ ﴿91﴾
وَهَٰذَا كِتَٰبٌ أَنزَلْنَٰهُ مُبَارَكٌ مُّصَدِّقُ ٱلَّذِى بَيْنَ يَدَيْهِ وَلِتُنذِرَ
أُمَّ ٱلْقُرَىٰ وَمَنْ حَوْلَهَا ۗ وَٱلَّذِينَ يُؤْمِنُونَ بِٱلْءَاخِرَةِ يُؤْمِنُونَ بِهِۦ ۖ
وَهُمْ عَلَىٰ صَلَاتِهِمْ يُحَافِظُونَ ﴿92﴾ وَمَنْ أَظْلَمُ مِمَّنِ ٱفْتَرَىٰ عَلَى
ٱللَّهِ كَذِبًا أَوْ قَالَ أُوحِىَ إِلَىَّ وَلَمْ يُوحَ إِلَيْهِ شَىْءٌ وَمَن قَالَ سَأُنزِلُ
مِثْلَ مَآ أَنزَلَ ٱللَّهُ ۗ وَلَوْ تَرَىٰٓ إِذِ ٱلظَّٰلِمُونَ فِى غَمَرَٰتِ ٱلْمَوْتِ
وَٱلْمَلَٰٓئِكَةُ بَاسِطُوٓا۟ أَيْدِيهِمْ أَخْرِجُوٓا۟ أَنفُسَكُمُ ۖ ٱلْيَوْمَ
تُجْزَوْنَ عَذَابَ ٱلْهُونِ بِمَا كُنتُمْ تَقُولُونَ عَلَى ٱللَّهِ غَيْرَ ٱلْحَقِّ
وَكُنتُمْ عَنْ ءَايَٰتِهِۦ تَسْتَكْبِرُونَ ﴿93﴾ وَلَقَدْ جِئْتُمُونَا فُرَٰدَىٰ
كَمَا خَلَقْنَٰكُمْ أَوَّلَ مَرَّةٍ وَتَرَكْتُم مَّا خَوَّلْنَٰكُمْ وَرَآءَ ظُهُورِكُمْ ۖ
وَمَا نَرَىٰ مَعَكُمْ شُفَعَآءَكُمُ ٱلَّذِينَ زَعَمْتُمْ أَنَّهُمْ فِيكُمْ شُرَكَٰٓؤُا۟ ۚ
لَقَد تَّقَطَّعَ بَيْنَكُمْ وَضَلَّ عَنكُم مَّا كُنتُمْ تَزْعُمُونَ ﴿94﴾

91. Ma jagħtux ġieħ lil Alla kif jixraqlu meta *(il-Lhud)* jgħidu: "Alla ma niżżel xejn *(u ebda rivelazzjoni)* fuq il-bniedem." Għid*(ilhom)*: "Min niżżel il-Ktieb li ġab Mosè – dawl u tmexxija tajba lill-bnedmin? Għamiltuh *(f'għamla)* ta' karti biex turuhom, filwaqt li taħbu ħafna *(minnhom, l-aktar it-taqsimiet li jsemmu l-profezija ta' Muħammad). (B'dan il-Qoran)* intom kontu mgħallma dak li la intom u lanqas missirijietkom ma kontu tafu." Għid*(ilhom)*: "Alla *(niżżel dan il-Ktieb)*!" imbagħad ħallihom jagħtuha għal-logħob.

92. U dan huwa Ktieb li niżżilnieh, imbierek, u jseddaq dak li *(niżel)* qablu; biex twissi *(Muħammad)* lil Omm il-Bliet *(Mekka)* u lil dawk ta' madwarha. U dawk li jemmnu fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)*, jemmnu fih u jħarsu t-talb tagħhom.

93. U min hu agħar minn dak li qala' l-gideb dwar Alla, jew li qal: "Kont imnebbaħ," meta xejn ma tnebbaħ lilu, jew *(agħar)* minn dak li qal: "Se nniżżel bħal dak li niżżel Alla!" Li kellek tara l-ħżiena fl-agunija tal-mewt, filwaqt li l-anġli jmiddu idejhom *(u jgħidu)*: "Oħorġu rwieħkom *(minn ġisimkom)*! Illum titħallsu bil-kastig ta' tkasbir talli ma kontux tgħidu s-sewwa dwar Alla, u fil-kburija tagħkom kontu tiċħdu *(u tmaqdru)* is-sinjali tiegħu."

94. U issa ġejtu għandna, kull wieħed għal rasu, bħalma ħlaqniekom l-ewwel darba, u ħallejtu dak *(kollu)* li tajniekom wara daharkom. M'aħniex naraw magħkom lil dawk *(l-allat)* li jidħlu għalikom, li kontu tgħidu li kienu shab magħkom. Issa *(ir-rabta)* bejnietkom inqatgħet, u telaqkom dak li kontu tallegaw."

ثلاثة أرباع الحزب 14

۞ إِنَّ ٱللَّهَ فَالِقُ ٱلْحَبِّ وَٱلنَّوَىٰ ۖ يُخْرِجُ ٱلْحَىَّ مِنَ ٱلْمَيِّتِ وَمُخْرِجُ
ٱلْمَيِّتِ مِنَ ٱلْحَىِّ ۚ ذَٰلِكُمُ ٱللَّهُ ۖ فَأَنَّىٰ تُؤْفَكُونَ ﴿95﴾ فَالِقُ ٱلْإِصْبَاحِ
وَجَعَلَ ٱلَّيْلَ سَكَنًا وَٱلشَّمْسَ وَٱلْقَمَرَ حُسْبَانًا ۚ ذَٰلِكَ تَقْدِيرُ
ٱلْعَزِيزِ ٱلْعَلِيمِ ﴿96﴾ وَهُوَ ٱلَّذِى جَعَلَ لَكُمُ ٱلنُّجُومَ لِتَهْتَدُوا۟
بِهَا فِى ظُلُمَٰتِ ٱلْبَرِّ وَٱلْبَحْرِ ۗ قَدْ فَصَّلْنَا ٱلْءَايَٰتِ لِقَوْمٍ يَعْلَمُونَ
﴿97﴾ وَهُوَ ٱلَّذِىٓ أَنشَأَكُم مِّن نَّفْسٍ وَٰحِدَةٍ فَمُسْتَقَرٌّ وَمُسْتَوْدَعٌ ۗ
قَدْ فَصَّلْنَا ٱلْءَايَٰتِ لِقَوْمٍ يَفْقَهُونَ ﴿98﴾ وَهُوَ ٱلَّذِىٓ أَنزَلَ
مِنَ ٱلسَّمَآءِ مَآءً فَأَخْرَجْنَا بِهِۦ نَبَاتَ كُلِّ شَىْءٍ فَأَخْرَجْنَا مِنْهُ
خَضِرًا نُّخْرِجُ مِنْهُ حَبًّا مُّتَرَاكِبًا وَمِنَ ٱلنَّخْلِ مِن طَلْعِهَا
قِنْوَانٌ دَانِيَةٌ وَجَنَّٰتٍ مِّنْ أَعْنَابٍ وَٱلزَّيْتُونَ وَٱلرُّمَّانَ مُشْتَبِهًا
وَغَيْرَ مُتَشَٰبِهٍ ۗ ٱنظُرُوٓا۟ إِلَىٰ ثَمَرِهِۦٓ إِذَآ أَثْمَرَ وَيَنْعِهِۦٓ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكُمْ
لَءَايَٰتٍ لِّقَوْمٍ يُؤْمِنُونَ ﴿99﴾ وَجَعَلُوا۟ لِلَّهِ شُرَكَآءَ ٱلْجِنَّ وَخَلَقَهُمْ ۖ
وَخَرَقُوا۟ لَهُۥ بَنِينَ وَبَنَٰتٍۭ بِغَيْرِ عِلْمٍ ۚ سُبْحَٰنَهُۥ وَتَعَٰلَىٰ عَمَّا
يَصِفُونَ ﴿100﴾ بَدِيعُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ أَنَّىٰ يَكُونُ لَهُۥ وَلَدٌ
وَلَمْ تَكُن لَّهُۥ صَٰحِبَةٌ وَخَلَقَ كُلَّ شَىْءٍ ۖ وَهُوَ بِكُلِّ شَىْءٍ عَلِيمٌ ﴿101﴾

95. Alla tabilħaqq jaqsam iż-żerriegħa *(tal-qamħ fil-ħamrija)* u l-għadam *(tat-tamar biex minnu tinbet ix-xitla)*. Huwa joħroġ il-ħaj mill-mejjet, u joħroġ il-mejjet mill-ħaj. Dak huwa Alla! Mela kif titqarrqu?

96. Huwa li jifred is-sebħ *(mil-lejl)*, u jagħmel il-lejl ħemda *(għall-mistrieħ)*, u x-xemx u l-qamar għall-għadd *(tal-jiem)*. Dak huwa l-qjies ta' *(Alla)* il-Qawwi, li jaf kollox.

97. Huwa li għamlilkom il-kwiekeb biex timxu magħhom fid- dlamijiet ta' l-art u tal-baħar. Aħna fissirna bir-reqqa s-sinjali *(tagħna)* lil nies li jafu.

98. Kien Huwa li ħariġkom minn ruħ waħda *(Adam, u takom)* fejn toqogħdu u tistrieħu. Aħna fissirna bir-reqqa s-sinjali *(tagħna)* lil nies li jifhmu.

99. Huwa wkoll dak li jniżżel ilma mis-sema. Bih ħriġna kull għamla ta' ħdura: minnu ħriġna l-ħxejjex li jnibbtu żerriegħa magħquda, u mis-siġar tal-palm, mill-friegħi tagħha, jiddendlu l-għeneqed tat-tamar, u *(ħriġna wkoll)* Ġonna ta' għeneb, żebbuġ u rummien, jixxiebhu *(fid-dehra tal-weraq tagħhom)*, iżda ma humiex bħal xulxin *(fit-togħma)*. Ħarsu lejn il-frott tagħhom: *(minn meta jiftaħ iż-żahar sa)* meta joħroġ il-frott *(u jkun għadu nej)*, u meta jsir sew *(u joħla, u jsir tajjeb għall-ikel)*. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hemm sinjali għal nies li jemmnu.

100. Iżda *(il-ħżiena)* ixierku lil Alla mal-*ġinn*,[41] għalkemm Huwa ħalaqhom, u qalgħuha li għandu *(ulied)*, subien u bniet, mingħajr ma jafu. Sebħ lilu! Huwa wisq ogħla minn dak *(il-kliem fieragħ)* li jgħidu *(dwaru)*!

101. Huwa li ħalaq għall-ewwel darba s-smewwiet u l-art. *(Alla)* kif ikollu iben meta ma kellux sieħba? U ħalaq kollox, u Huwa jaf b'kollox.

---

[41] Il-*ġinn*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

ذَٰلِكُمُ ٱللَّهُ رَبُّكُمْ ۖ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ ۖ خَٰلِقُ كُلِّ شَىْءٍ
فَٱعْبُدُوهُ ۚ وَهُوَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ وَكِيلٌ ﴿102﴾ لَّا تُدْرِكُهُ
ٱلْأَبْصَٰرُ وَهُوَ يُدْرِكُ ٱلْأَبْصَٰرَ ۖ وَهُوَ ٱللَّطِيفُ ٱلْخَبِيرُ ﴿103﴾
قَدْ جَآءَكُم بَصَآئِرُ مِن رَّبِّكُمْ ۖ فَمَنْ أَبْصَرَ فَلِنَفْسِهِۦ ۖ وَمَنْ عَمِىَ
فَعَلَيْهَا ۚ وَمَآ أَنَا۠ عَلَيْكُم بِحَفِيظٍ ﴿104﴾ وَكَذَٰلِكَ نُصَرِّفُ
ٱلْءَايَٰتِ وَلِيَقُولُوا۟ دَرَسْتَ وَلِنُبَيِّنَهُۥ لِقَوْمٍ يَعْلَمُونَ ﴿105﴾
ٱتَّبِعْ مَآ أُوحِىَ إِلَيْكَ مِن رَّبِّكَ ۖ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ ۖ وَأَعْرِضْ عَنِ
ٱلْمُشْرِكِينَ ﴿106﴾ وَلَوْ شَآءَ ٱللَّهُ مَآ أَشْرَكُوا۟ ۖ وَمَا جَعَلْنَٰكَ عَلَيْهِمْ
حَفِيظًا ۖ وَمَآ أَنتَ عَلَيْهِم بِوَكِيلٍ ﴿107﴾ وَلَا تَسُبُّوا۟ ٱلَّذِينَ
يَدْعُونَ مِن دُونِ ٱللَّهِ فَيَسُبُّوا۟ ٱللَّهَ عَدْوًۢا بِغَيْرِ عِلْمٍ ۗ كَذَٰلِكَ زَيَّنَّا
لِكُلِّ أُمَّةٍ عَمَلَهُمْ ثُمَّ إِلَىٰ رَبِّهِم مَّرْجِعُهُمْ فَيُنَبِّئُهُم بِمَا كَانُوا۟
يَعْمَلُونَ ﴿108﴾ وَأَقْسَمُوا۟ بِٱللَّهِ جَهْدَ أَيْمَٰنِهِمْ لَئِن جَآءَتْهُمْ ءَايَةٌ
لَّيُؤْمِنُنَّ بِهَا ۚ قُلْ إِنَّمَا ٱلْءَايَٰتُ عِندَ ٱللَّهِ ۖ وَمَا يُشْعِرُكُمْ أَنَّهَآ إِذَا
جَآءَتْ لَا يُؤْمِنُونَ ﴿109﴾ وَنُقَلِّبُ أَفْـِٔدَتَهُمْ وَأَبْصَٰرَهُمْ كَمَا لَمْ
يُؤْمِنُوا۟ بِهِۦٓ أَوَّلَ مَرَّةٍ وَنَذَرُهُمْ فِى طُغْيَٰنِهِمْ يَعْمَهُونَ ﴿110﴾

102. Dak huwa Alla Sidkom. Ma hemmx alla ieħor ħliefu, il-Ħallieq ta' kollox. Mela qimuh! Huwa jieħu ħsieb kollox.

103. Il-ħars ma jilħqux, iżda Huwa jilħaq il-ħars, u Huwa jinfed f'kollox, u jaf sew b'kollox.

104. Tassew ġewkom provi minn Sidkom *(li jgħinukom tiftħu għajnejkom)*. Mela min jara, ikun għal*(l-ġid)* tiegħu nnifsu, u min jagħma, *(ikun)* għall-ħsara tiegħu *(innifsu)*. Jiena *(bħala l-Profeta Muħammad)* m'iniex għassies fuqkom.

105. Hekk infissru s-sinjali *(tagħna)* biex jgħidu: "Inti *(Muħammad)* studjajt," u biex dan nuruh bić-ċar lil nies li jafu.

106. Imxi *(Muħammad)* fuq dak *(il-Qoran)* li tnebbaħlek minn Sidek; ma hemmx alla ieħor ħliefu. U warrab minn dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla)*.

107. Li kieku Alla ried,. ma kinux ixierku. Aħna ma għamilniekx *(Muħammad)* għassies fuqhom, u ma għandekx setgħa fuqhom.

108. U la tgħajrux lil dawk *(l-allat)* li *(dawk li ma jemmnux)* isejħu minflok lil Alla, biex ma jgħajrux lil Alla, b'inġustizzja u bla ma jafu. Hekk żejjinna, għal kull ġens, l-għemil tiegħu. Imbagħad għand Sidhom imorru lura, u jħabbrilhom dak li kienu jagħmlu.

109. Huma *(nies Mekka)* ħalfu b'Alla, bl-aqwa ħalf tagħhom, li jekk jiġihom sinjal, huma tassew jemmnu fih. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Is-sinjali huma f'idejn Alla biss. Iżda xi jġegħelkom tkunu tafu li, *(anki)* jekk *(is-sinjali)* tassew jiġu*(hom)*, huma *(xorta waħda jibqgħu)* ma jemmnux?"

110. Aħna nqallbu *(u nħawdulhom)* qlubhom u dawl għajnejhom *(hekk li jitbiegħdu mit-twemmin)*, bħal meta m'emmnux f'dan *(il-Qoran)* ma' l-ewwel darba, u nħalluhom mitlufin bħal għomja fil-ħtija kbira tagħhom.

الجزء 8 الحزب 15

۞ وَلَوْ أَنَّنَا نَزَّلْنَا إِلَيْهِمُ الْمَلَائِكَةَ وَكَلَّمَهُمُ الْمَوْتَىٰ وَحَشَرْنَا
عَلَيْهِمْ كُلَّ شَيْءٍ قُبُلًا مَّا كَانُوا لِيُؤْمِنُوا إِلَّا أَن يَشَاءَ اللَّهُ وَلَٰكِنَّ
أَكْثَرَهُمْ يَجْهَلُونَ ﴿111﴾ وَكَذَٰلِكَ جَعَلْنَا لِكُلِّ نَبِيٍّ عَدُوًّا
شَيَاطِينَ الْإِنسِ وَالْجِنِّ يُوحِي بَعْضُهُمْ إِلَىٰ بَعْضٍ زُخْرُفَ
الْقَوْلِ غُرُورًا ۚ وَلَوْ شَاءَ رَبُّكَ مَا فَعَلُوهُ ۖ فَذَرْهُمْ وَمَا يَفْتَرُونَ
﴿112﴾ وَلِتَصْغَىٰ إِلَيْهِ أَفْئِدَةُ الَّذِينَ لَا يُؤْمِنُونَ بِالْآخِرَةِ
وَلِيَرْضَوْهُ وَلِيَقْتَرِفُوا مَا هُم مُّقْتَرِفُونَ ﴿113﴾ أَفَغَيْرَ اللَّهِ
أَبْتَغِي حَكَمًا وَهُوَ الَّذِي أَنزَلَ إِلَيْكُمُ الْكِتَابَ مُفَصَّلًا ۚ
وَالَّذِينَ آتَيْنَاهُمُ الْكِتَابَ يَعْلَمُونَ أَنَّهُ مُنَزَّلٌ مِّن رَّبِّكَ بِالْحَقِّ ۖ
فَلَا تَكُونَنَّ مِنَ الْمُمْتَرِينَ ﴿114﴾ وَتَمَّتْ كَلِمَتُ رَبِّكَ صِدْقًا
وَعَدْلًا ۚ لَّا مُبَدِّلَ لِكَلِمَاتِهِ ۚ وَهُوَ السَّمِيعُ الْعَلِيمُ ﴿115﴾ وَإِن
تُطِعْ أَكْثَرَ مَن فِي الْأَرْضِ يُضِلُّوكَ عَن سَبِيلِ اللَّهِ ۚ إِن
يَتَّبِعُونَ إِلَّا الظَّنَّ وَإِنْ هُمْ إِلَّا يَخْرُصُونَ ﴿116﴾ إِنَّ رَبَّكَ هُوَ
أَعْلَمُ مَن يَضِلُّ عَن سَبِيلِهِ ۖ وَهُوَ أَعْلَمُ بِالْمُهْتَدِينَ ﴿117﴾
فَكُلُوا مِمَّا ذُكِرَ اسْمُ اللَّهِ عَلَيْهِ إِن كُنتُم بِآيَاتِهِ مُؤْمِنِينَ ﴿118﴾

111. Li kieku niżżilnielhom l-anġli, kellmuhom il-mejtin, u ġbarna kollox quddiemhom, *(xorta waħda)* ma kinux jemmnu, ħlief jekk Alla jrid. Iżda ħafna minnhom ma jafux *(dan)*.

112. Hekk ukoll għamilna għadu *(kiefer)* għal kull Profeta *(biex iġarrbu)*: xjaten minn fost il-bnedmin u l-*ġinn*, li jnebbħu lil xulxin, bil-qerq, kliem sabiħ *(iżda kollu ħażen)*. Li kieku Sidek ried, ma kinux jagħmluh *(dan)*. Mela itlaqhom għall-qlajja' tagħhom.

113. Ħalli qlub dawk li ma jemmnux fil-Ħajja l-Oħra jmilu lejh *(dan il-qerq)* u jitgħaxxqu bih, biex jibqgħu jiksbu *(l-għemejjel tal-ħażen)* li qegħdin jiksbu.

114. Jaqaw għandi nfittex imħallef *(ieħor)* għajr Alla, meta Huwa li niżżlilkom il-Ktieb *(il-Qoran)*, imfisser bir-reqqa. U dawk *(il-Lhud u l-Insara li qabel)* tajniehom il-Ktieb jafu li huwa mniżżel minn Sidek bis-sewwa. Mela la tkunux minn ta' bejn ħalltejn.

115. Kelmet Sidek laħqet il-milja tagħha fis-sewwa u l-ħaqq. Xejn u ħadd ma jista' jbiddel il-kelmiet tiegħu. Huwa jisma' kollox u jaf kollox.

116. U jekk toqgħod għall-kotra *(tal-bnedmin li ma jemmnux)* li jinsabu fuq l-art, *(tara li)* itellfuk it-triq ta' Alla. Huma ma jimxux għajr fuq l-istħajjil *(tagħhom)*, u ma jaqilgħux ħlief gideb.

117. Tabilħaqq li Sidek jaf sewwa b'min ħareġ minn triqtu, u ħadd daqsu ma jaf b'dawk li huma fit-triq it-tajba.

118. Mela kulu dak li fuqu ssemma Isem Alla, jekk temmnu fir-Rivelazzjoni tiegħu.

وَمَا لَكُمْ أَلَّا تَأْكُلُوا مِمَّا ذُكِرَ اسْمُ اللَّهِ عَلَيْهِ وَقَدْ فَصَّلَ
لَكُمْ مَا حَرَّمَ عَلَيْكُمْ إِلَّا مَا اضْطُرِرْتُمْ إِلَيْهِ ۗ وَإِنَّ كَثِيرًا لَيُضِلُّونَ
بِأَهْوَائِهِمْ بِغَيْرِ عِلْمٍ ۗ إِنَّ رَبَّكَ هُوَ أَعْلَمُ بِالْمُعْتَدِينَ ﴿119﴾
وَذَرُوا ظَاهِرَ الْإِثْمِ وَبَاطِنَهُ ۚ إِنَّ الَّذِينَ يَكْسِبُونَ الْإِثْمَ
سَيُجْزَوْنَ بِمَا كَانُوا يَقْتَرِفُونَ ﴿120﴾ وَلَا تَأْكُلُوا مِمَّا لَمْ يُذْكَرِ
اسْمُ اللَّهِ عَلَيْهِ وَإِنَّهُ لَفِسْقٌ ۗ وَإِنَّ الشَّيَاطِينَ لَيُوحُونَ إِلَىٰ
أَوْلِيَائِهِمْ لِيُجَادِلُوكُمْ ۖ وَإِنْ أَطَعْتُمُوهُمْ إِنَّكُمْ لَمُشْرِكُونَ ﴿121﴾
أَوَمَنْ كَانَ مَيْتًا فَأَحْيَيْنَاهُ وَجَعَلْنَا لَهُ نُورًا يَمْشِي بِهِ فِي
النَّاسِ كَمَنْ مَثَلُهُ فِي الظُّلُمَاتِ لَيْسَ بِخَارِجٍ مِنْهَا ۚ كَذَٰلِكَ
زُيِّنَ لِلْكَافِرِينَ مَا كَانُوا يَعْمَلُونَ ﴿122﴾ وَكَذَٰلِكَ جَعَلْنَا
فِي كُلِّ قَرْيَةٍ أَكَابِرَ مُجْرِمِيهَا لِيَمْكُرُوا فِيهَا ۖ وَمَا
يَمْكُرُونَ إِلَّا بِأَنْفُسِهِمْ وَمَا يَشْعُرُونَ ﴿123﴾ وَإِذَا جَاءَتْهُمْ
آيَةٌ قَالُوا لَنْ نُؤْمِنَ حَتَّىٰ نُؤْتَىٰ مِثْلَ مَا أُوتِيَ رُسُلُ اللَّهِ ۘ اللَّهُ
أَعْلَمُ حَيْثُ يَجْعَلُ رِسَالَتَهُ ۗ سَيُصِيبُ الَّذِينَ أَجْرَمُوا
صَغَارٌ عِنْدَ اللَّهِ وَعَذَابٌ شَدِيدٌ بِمَا كَانُوا يَمْكُرُونَ ﴿124﴾

119. U għaliex ma għandkomx tieklu minn dak *(il-laħam)* li fuqu ssemma Isem Alla, meta huwa fissrilkom bir-reqqa dak li ma jiswiex għalikom, ħlief dak li kontu mġiegħla *(tieklu)* minħabba l-ħtieġa. Tabilħaqq li ħafna jtellfu t-triq *(lil ħaddieħor)* minħabba x-xewqat fiergħa tagħhom, mingħajr għarfien. Tassew li Sidek l-aktar li jaf bil-midinbin li jaqbżu l-limiti.

120. Warrbu mill-ħtija li tidher u *(minn dik)* li ma tidhirx. Tabilħaqq li dawk li jagħmlu l-ħtija se jitħallsu ta' dak li kienu jagħmlu.

121. U la tiklux dak *(il-laħam)* li fuqu ma ssemmiex Isem Alla *(u li kien imħejji għall-idoli)*, għaliex dan *(l-għemil)* huwa tassew ħażen. Tabilħaqq li x-xjaten inebbħu lil ħbiebhom biex iħaqquha magħkom. U jekk toqogħdu għalihom *(il-pagani)*, tkunu minn dawk li jxierku.

122. Jaqaw min kien mejjet u tajnieh il-ħajja, u għamilnielu dawl biex jimxi bih fost in-nies, huwa bħal min jinsab fid-dlamijiet, li ma huwiex ħiereġ minnhom? Hekk iżżejjen lil dawk ta' bla twemmin dak *(il-ħażen)* li kienu jagħmlu *(u dehrilhom sabiħ)*.

123. Hekk ukoll qegħedna f'kull belt l-agħar kriminali tagħha, biex inassu *(u jagħmlu l-ħażen)* fiha, iżda ma jnassux għajr kontra tagħhom infushom, mingħajr ma jintebħu.

124. Meta *(lill-pagani)* jiġihom sinjal *(li juri s-sewwa ta' Muħammad, tismagħhom)* jgħidu: "M'aħniex se nemmnu qabel ma ningħataw *(il-mirakli)* bħal dawk li ngħataw il-Mibgħutin ta' Alla." Alla jaf aktar *(minnhom)* fejn *(u ma' min)* iħalli l-messaġġ tiegħu. Tkasbir quddiem Alla u kastig qalil se jolqtu lil dawk li għamlu l-ħażen, talli kienu jnassu.

فَمَن يُرِدِ ٱللَّهُ أَن يَهۡدِيَهُۥ يَشۡرَحۡ صَدۡرَهُۥ لِلۡإِسۡلَٰمِۖ وَمَن يُرِدۡ
أَن يُضِلَّهُۥ يَجۡعَلۡ صَدۡرَهُۥ ضَيِّقًا حَرَجًا كَأَنَّمَا يَصَّعَّدُ
فِي ٱلسَّمَآءِۚ كَذَٰلِكَ يَجۡعَلُ ٱللَّهُ ٱلرِّجۡسَ عَلَى ٱلَّذِينَ
لَا يُؤۡمِنُونَ ﴿125﴾ وَهَٰذَا صِرَٰطُ رَبِّكَ مُسۡتَقِيمٗاۗ قَدۡ فَصَّلۡنَا
ٱلۡأٓيَٰتِ لِقَوۡمٖ يَذَّكَّرُونَ ﴿126﴾ لَهُمۡ دَارُ ٱلسَّلَٰمِ عِندَ رَبِّهِمۡۖ
وَهُوَ وَلِيُّهُم بِمَا كَانُواْ يَعۡمَلُونَ ﴿127﴾ وَيَوۡمَ يَحۡشُرُهُمۡ جَمِيعٗا
يَٰمَعۡشَرَ ٱلۡجِنِّ قَدِ ٱسۡتَكۡثَرۡتُم مِّنَ ٱلۡإِنسِۖ وَقَالَ أَوۡلِيَآؤُهُم
مِّنَ ٱلۡإِنسِ رَبَّنَا ٱسۡتَمۡتَعَ بَعۡضُنَا بِبَعۡضٖ وَبَلَغۡنَآ أَجَلَنَا ٱلَّذِيٓ
أَجَّلۡتَ لَنَاۚ قَالَ ٱلنَّارُ مَثۡوَىٰكُمۡ خَٰلِدِينَ فِيهَآ إِلَّا مَا شَآءَ ٱللَّهُۗ إِنَّ
رَبَّكَ حَكِيمٌ عَلِيمٞ ﴿128﴾ وَكَذَٰلِكَ نُوَلِّي بَعۡضَ ٱلظَّٰلِمِينَ بَعۡضَۢا
بِمَا كَانُواْ يَكۡسِبُونَ ﴿129﴾ يَٰمَعۡشَرَ ٱلۡجِنِّ وَٱلۡإِنسِ أَلَمۡ يَأۡتِكُمۡ
رُسُلٞ مِّنكُمۡ يَقُصُّونَ عَلَيۡكُمۡ ءَايَٰتِي وَيُنذِرُونَكُمۡ لِقَآءَ
يَوۡمِكُمۡ هَٰذَاۚ قَالُواْ شَهِدۡنَا عَلَىٰٓ أَنفُسِنَاۖ وَغَرَّتۡهُمُ ٱلۡحَيَوٰةُ ٱلدُّنۡيَا
وَشَهِدُواْ عَلَىٰٓ أَنفُسِهِمۡ أَنَّهُمۡ كَانُواْ كَٰفِرِينَ ﴿130﴾ ذَٰلِكَ
أَن لَّمۡ يَكُن رَّبُّكَ مُهۡلِكَ ٱلۡقُرَىٰ بِظُلۡمٖ وَأَهۡلُهَا غَٰفِلُونَ ﴿131﴾

ربع الحزب 15

125. U lil min Alla jrid imexxi fit-triq it-tajba, *(arah)* jiftaħ*(lu)* sidru għall-Islam, u lil min irid itellfu t-triq, jagħmillu sidru dejjaq u magħluq bħallikieku tiela' s-sema. Hekk Alla jixħet is-saħta *(f'din id-dinja u l-kastig fl-Oħra)* fuq dawk li ma jemmnux.

126. Din hija triq Sidek, dritta. Aħna fissirna r-Rivelazzjoni *(tagħna)* bir-reqqa lil nies li jiftakru.

127. Tagħhom hija Dar is-Sliem, għand Sidhom, u Huwa jħarishom minħabba *(it-tajjeb)* li kienu jagħmlu.

128. Dakinhar li *(Alla)* jiġborhom ilkoll *(bnedmin u ġinn, se jgħid)*: "Intom il-ġemgħa tal-*ġinn*, ħadtu ħafna mill-bnedmin *(għal magħkom u fixkiltuhom kemm flaħtu)*." U ħbiebhom minn fost il-bnedmin jgħidu: "Sidna, aħna konna ta' fejda għal xulxin, u *(issa)* ilħaqna ż-żmien li rfajt għalina." Huwa jgħid: "In-Nar ikun l-għamara tagħkom, u fih tgħammru għal dejjem, ħlief dak li Alla jrid *(li jkun iż-żmien li ddumu fih)*." Tabilħaqq li Sidek Għaref u jaf kollox.

129. Hekk indawru wħud mill-ħżiena kontra xulxin *(b'kastig)*, minħabba dak *(il-ħażen)* li kienu jiksbu *(b'għemilhom)*.

130. "Intom il-ġemgħa tal-*ġinn* u tal-bnedmin, jaqaw ma ġewkomx Mibgħutin minn fostkom li qalulkom bis-sinjali tiegħi, u wissewkom dwar il-laqgħa ta' dan il-Jum tagħkom?" Huma jgħidu: "Nixhdu kontra tagħna nfusna *(li aħna ħatjin)*!" Il-ħajja *(f'din)* id-dinja qarrqet bihom u huma jixhdu kontra tagħhom infushom li huma ma kinux jemmnu.

131. Dan minħabba li Sidek *(ja Muħammad)* ma kienx jeqred il-bliet *(u nieshom)* b'mod inġust, filwaqt li nieshom ma jafux *(bil-messaġġ ta' Alla)*.

وَلِكُلٍّ دَرَجَٰتٌ مِّمَّا عَمِلُوا۟ ۚ وَمَا رَبُّكَ بِغَٰفِلٍ عَمَّا
يَعْمَلُونَ ﴿132﴾ وَرَبُّكَ ٱلْغَنِىُّ ذُو ٱلرَّحْمَةِ ۚ إِن يَشَأْ
يُذْهِبْكُمْ وَيَسْتَخْلِفْ مِنۢ بَعْدِكُم مَّا يَشَآءُ كَمَآ
أَنشَأَكُم مِّن ذُرِّيَّةِ قَوْمٍ ءَاخَرِينَ ﴿133﴾ إِنَّ مَا
تُوعَدُونَ لَءَاتٍ ۙ وَمَآ أَنتُم بِمُعْجِزِينَ ﴿134﴾ قُلْ يَٰقَوْمِ
ٱعْمَلُوا۟ عَلَىٰ مَكَانَتِكُمْ إِنِّى عَٰمِلٌ ۖ فَسَوْفَ تَعْلَمُونَ
مَن تَكُونُ لَهُۥ عَٰقِبَةُ ٱلدَّارِ ۗ إِنَّهُۥ لَا يُفْلِحُ ٱلظَّٰلِمُونَ
﴿135﴾ وَجَعَلُوا۟ لِلَّهِ مِمَّا ذَرَأَ مِنَ ٱلْحَرْثِ وَٱلْأَنْعَٰمِ
نَصِيبًا فَقَالُوا۟ هَٰذَا لِلَّهِ بِزَعْمِهِمْ وَهَٰذَا لِشُرَكَآئِنَا ۖ
فَمَا كَانَ لِشُرَكَآئِهِمْ فَلَا يَصِلُ إِلَى ٱللَّهِ ۖ
وَمَا كَانَ لِلَّهِ فَهُوَ يَصِلُ إِلَىٰ شُرَكَآئِهِمْ ۗ
سَآءَ مَا يَحْكُمُونَ ﴿136﴾ وَكَذَٰلِكَ زَيَّنَ
لِكَثِيرٍ مِّنَ ٱلْمُشْرِكِينَ قَتْلَ أَوْلَٰدِهِمْ
شُرَكَآؤُهُمْ لِيُرْدُوهُمْ وَلِيَلْبِسُوا۟ عَلَيْهِمْ دِينَهُمْ ۖ
وَلَوْ شَآءَ ٱللَّهُ مَا فَعَلُوهُ ۖ فَذَرْهُمْ وَمَا يَفْتَرُونَ ﴿137﴾

132. Għal kulħadd hemm gradi *(ta' tjieba u ħażen)*, skond dak *(l-għemil)* li għamlu, u Sidek ma jaqbiżlu xejn minn dak li jagħmlu.

133. U Sidek huwa l-Għani, Kollu Ħniena. Li kieku jrid, jeqridkom u jaħtar minflokkom dak li jrid, bħalma *(kien Hu li)* sawwarkom miż-żerriegħa ta' ġens ieħor.

134. Dak li kien imwieġħed lilkom tabilħaqq se jasal, u ma tistgħux taħarbu *(mir-rieda ta' Alla)*.

135. Għid *(Muħammad)*: "Ja niesi, agħmlu kif tridu. *(Ngħid għalija)* jiena nagħmel *(dak li qabbadni Alla)*, u se tkunu tafu min, fl-aħħar, se jkollu l-ħlas it-tajjeb tad-Dar *(l-Oħra)*. Tabilħaqq li l-ħżiena ma jkunux rebbiħin."

136. U refgħu sehem għal Alla mill-uċuħ tar-raba' u mill-frat li Huwa ħalaq, u qalu: "Dan għal Alla," – kif qalu huma – "u dan għal sħabna *(l-allat u l-idoli tagħna)*." Iżda dak *(is-sehem)* li kien għal sħabhom ma jasalx għand Alla, u dak *(is-sehem)* li kien għal Alla jasal għand sħabhom. Tassew ħażin il-ġudizzju li jagħmlu.

137. Hekk ukoll sħabhom *(l-idoli li xierku ma' Alla)*, lil ħafna minn dawk li jxierku *(allat ma' Alla)* żejnu*(lhom)* il-qtil ta' wliedhom biex *(b'hekk)* jeqirduhom, u jħawdulhom id-din tagħhom. Li kieku Alla ried, ma kinux jagħmluh *(dan)*. Mela itlaqhom għall-qlajja' tagħhom.

وَقَالُوا۟ هَٰذِهِۦٓ أَنْعَٰمٌ وَحَرْثٌ حِجْرٌ لَّا يَطْعَمُهَآ إِلَّا مَن
نَّشَآءُ بِزَعْمِهِمْ وَأَنْعَٰمٌ حُرِّمَتْ ظُهُورُهَا وَأَنْعَٰمٌ لَّا يَذْكُرُونَ
ٱسْمَ ٱللَّهِ عَلَيْهَا ٱفْتِرَآءً عَلَيْهِ ۚ سَيَجْزِيهِم بِمَا كَانُوا۟
يَفْتَرُونَ ﴿138﴾ وَقَالُوا۟ مَا فِى بُطُونِ هَٰذِهِ ٱلْأَنْعَٰمِ
خَالِصَةٌ لِّذُكُورِنَا وَمُحَرَّمٌ عَلَىٰٓ أَزْوَٰجِنَا ۖ وَإِن يَكُن
مَّيْتَةً فَهُمْ فِيهِ شُرَكَآءُ ۚ سَيَجْزِيهِمْ وَصْفَهُمْ ۚ إِنَّهُۥ
حَكِيمٌ عَلِيمٌ ﴿139﴾ قَدْ خَسِرَ ٱلَّذِينَ قَتَلُوٓا۟ أَوْلَٰدَهُمْ
سَفَهًۢا بِغَيْرِ عِلْمٍ وَحَرَّمُوا۟ مَا رَزَقَهُمُ ٱللَّهُ ٱفْتِرَآءً عَلَى ٱللَّهِ ۚ
قَدْ ضَلُّوا۟ وَمَا كَانُوا۟ مُهْتَدِينَ ﴿140﴾ ۞ وَهُوَ ٱلَّذِىٓ
أَنشَأَ جَنَّٰتٍ مَّعْرُوشَٰتٍ وَغَيْرَ مَعْرُوشَٰتٍ وَٱلنَّخْلَ وَٱلزَّرْعَ
مُخْتَلِفًا أُكُلُهُۥ وَٱلزَّيْتُونَ وَٱلرُّمَّانَ مُتَشَٰبِهًا وَغَيْرَ
مُتَشَٰبِهٍ ۚ كُلُوا۟ مِن ثَمَرِهِۦٓ إِذَآ أَثْمَرَ وَءَاتُوا۟ حَقَّهُۥ يَوْمَ
حَصَادِهِۦ ۖ وَلَا تُسْرِفُوٓا۟ ۚ إِنَّهُۥ لَا يُحِبُّ ٱلْمُسْرِفِينَ ﴿141﴾
وَمِنَ ٱلْأَنْعَٰمِ حَمُولَةً وَفَرْشًا ۚ كُلُوا۟ مِمَّا رَزَقَكُمُ
ٱللَّهُ وَلَا تَتَّبِعُوا۟ خُطُوَٰتِ ٱلشَّيْطَٰنِ ۚ إِنَّهُۥ لَكُمْ عَدُوٌّ مُّبِينٌ ﴿142﴾

نصف الحزب 15

138. Huma jgħidu: "Dawn frat u wċuħ tar-raba' projbiti. Ma jikolhomx ħlief min irridu aħna!" Hekk jallegaw. U hemm frat *(oħra)* li daharhom huwa projbit, u frat li fuqhom ma jsemmux Isem Alla *(meta joqtluhom)*, u dan *(kollu)* huwa gideb fuqu. Huwa se jħallashom tal-gideb li kienu jaqilgħu.

139. Huma jgħidu: "Dak li jinsab f'ġuf dawn il-frat huwa għall-irġiel tagħna biss, u ma jiswiex għan-nisa tagħna, u jekk ikun *(imwieled)* mejjet, huma *(irġiel u nisa)* ikunu sħab fih." Huwa se jħallashom ta' dak li qalgħu *(bi kliemhom dwar Alla)*. Huwa tabilħaqq Għaref u jaf kollox.

140. Telliefa huma dawk li qatlu lil uliedhom, bil-bluha, mingħajr għarfien, u għamlu ma jiswiex l-ikel li Alla tahom *(għall-għajxien)*, u b'gideb fuq Alla. Huma tilfu t-triq u ma kinux jinsabu fit-triq it-tajba.

141. Huwa li jagħmel Ġonna *(bid-dwieli merfugħa)* fuq kannizzati, u *(oħrajn)* mingħajrhom, is-siġar tal-palm, iż-żara' b'ħafna għamliet ta' ikel, iż-żebbuġ u r-rummien, jixxiebhu *(fid-dehra tagħhom)*, u ma jixxibhux *(fit-togħma)*. Kulu mill-frott tagħhom meta jagħmlu l-frott, u agħtu *(lill-fqar u l-imsejknin)* kemm ħaqqhom, dakinhar tal-ħsad tagħhom, u la taħlux! Huwa tabilħaqq ma jħobbx lill-ħaljin.

142. Fost il-frat hemm *(bhejjem)* għat-tagħbija u *(oħrajn)* għall-ikel. Kulu minn dak li Alla takom għall-għajxien, u la timxux fil-passi tax-Xitan. Huwa tabilħaqq għadu fid-dieher tagħkom.

ثَمَٰنِيَةَ أَزْوَٰجٍ ۖ مِّنَ ٱلضَّأْنِ ٱثْنَيْنِ وَمِنَ ٱلْمَعْزِ ٱثْنَيْنِ ۗ
قُلْ ءَآلذَّكَرَيْنِ حَرَّمَ أَمِ ٱلْأُنثَيَيْنِ أَمَّا ٱشْتَمَلَتْ عَلَيْهِ
أَرْحَامُ ٱلْأُنثَيَيْنِ ۖ نَبِّـُٔونِى بِعِلْمٍ إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ ﴿143﴾
وَمِنَ ٱلْإِبِلِ ٱثْنَيْنِ وَمِنَ ٱلْبَقَرِ ٱثْنَيْنِ ۗ قُلْ ءَآلذَّكَرَيْنِ
حَرَّمَ أَمِ ٱلْأُنثَيَيْنِ أَمَّا ٱشْتَمَلَتْ عَلَيْهِ أَرْحَامُ ٱلْأُنثَيَيْنِ ۖ
أَمْ كُنتُمْ شُهَدَآءَ إِذْ وَصَّىٰكُمُ ٱللَّهُ بِهَٰذَا ۚ فَمَنْ
أَظْلَمُ مِمَّنِ ٱفْتَرَىٰ عَلَى ٱللَّهِ كَذِبًا لِّيُضِلَّ ٱلنَّاسَ بِغَيْرِ
عِلْمٍ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿144﴾ قُل لَّآ أَجِدُ
فِى مَآ أُوحِىَ إِلَىَّ مُحَرَّمًا عَلَىٰ طَاعِمٍ يَطْعَمُهُۥٓ إِلَّآ أَن يَكُونَ
مَيْتَةً أَوْ دَمًا مَّسْفُوحًا أَوْ لَحْمَ خِنزِيرٍ فَإِنَّهُۥ رِجْسٌ أَوْ
فِسْقًا أُهِلَّ لِغَيْرِ ٱللَّهِ بِهِۦ ۚ فَمَنِ ٱضْطُرَّ غَيْرَ بَاغٍ وَلَا عَادٍ فَإِنَّ
رَبَّكَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿145﴾ وَعَلَى ٱلَّذِينَ هَادُوا۟ حَرَّمْنَا
كُلَّ ذِى ظُفُرٍ ۖ وَمِنَ ٱلْبَقَرِ وَٱلْغَنَمِ حَرَّمْنَا عَلَيْهِمْ
شُحُومَهُمَآ إِلَّا مَا حَمَلَتْ ظُهُورُهُمَآ أَوِ ٱلْحَوَايَآ أَوْ مَا
ٱخْتَلَطَ بِعَظْمٍ ۚ ذَٰلِكَ جَزَيْنَٰهُم بِبَغْيِهِمْ ۖ وَإِنَّا لَصَٰدِقُونَ ﴿146﴾

143. *(Huwa għamel għalikom)* tmint iżwieġ *(jiswew għall-ikel)*: żewġ nagħġiet *(muntun u nagħġa)* u żewġ mogħżiet *(bodbod u mogħża)*. Għid *(Muħammad)*: "Liema għamel ma jiswewx, iż-żewġt irġiel jew iż-żewġ nisa *(minn dawn il-bhejjem)*, jew inkella dak li kien hemm fi ġwief iż-żewġ nisa? Għiduli bl-għerf *(tagħkom)*, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa."

144. U żewġt iġmla *(il-ġemel u l-ġemla)* u żewġ baqriet *(il-gendus u l-baqra)*. Għid *(Muħammad)*: "Liema għamel ma jiswewx, iż-żewġt irġiel jew iż-żewġ nisa *(minn dawn il-bhejjem)*, jew inkella dak li kien hemm fi ġwief iż-żewġ nisa? Jaqaw kontu xhieda meta Alla wissiekom dwar dan *(il-kliem ta' projbizzjoni li qegħdin tallegaw)*?" Min hu agħar minn dak li jaqla' l-gideb dwar Alla, biex itellef it-triq lin-nies, mingħajr għarfien? Tabilħaqq li Alla ma jmexxix fit-triq it-tajba lin-nies il-ħżiena.

145. Għid *(Muħammad)*: "F'dak li tnebbaħ lili ma nsib xejn *(mil-laħam)* li ma jiswiex għal min jiekol, biex jieklu, ħlief jekk *(dan l-ikel)* ikun *(laħam ta' annimal)* mejjet, jew demm imxerred, jew laħam il-ħanżir, għaliex huwa mniġġes, jew dak li, b'ħażen, issemma fuqu isem ieħor minflok ta' Alla." Iżda min ikollu *(jiekol minn dan l-ikel minħabba l-ħtieġa)*, mingħajr ma jixtieq, u mingħajr ma jiekol iżżejjed, Sidek huwa tabilħaqq Kollu Maħfra u Ħanin.

146. U għal-Lhud għamilna ma jiswewx il-bhejjem kollha bid-difer *(mhux mifrud)*, u ma ħallejnihomx jieklu xaħam il-baqar u n-nagħaġ, ħlief dak li *(dawn il-bhejjem)* għandhom ma' daharhom, jew fil-ġewwieni *(ma' l-imsaren)*, jew dak *(ix-xaħam)* li tħallat ma' l-għadam. B'hekk ħallasniehom tal-ħażen tagħhom. Aħna tabilħaqq ngħidu s-sewwa.

فَإِن كَذَّبُوكَ فَقُل رَّبُّكُمْ ذُو رَحْمَةٍ وَٰسِعَةٍ وَلَا يُرَدُّ
بَأْسُهُۥ عَنِ ٱلْقَوْمِ ٱلْمُجْرِمِينَ ﴿147﴾ سَيَقُولُ ٱلَّذِينَ أَشْرَكُوا۟
لَوْ شَآءَ ٱللَّهُ مَآ أَشْرَكْنَا وَلَآ ءَابَآؤُنَا وَلَا حَرَّمْنَا مِن شَىْءٍ ۚ
كَذَٰلِكَ كَذَّبَ ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ حَتَّىٰ ذَاقُوا۟ بَأْسَنَا ۗ
قُلْ هَلْ عِندَكُم مِّنْ عِلْمٍ فَتُخْرِجُوهُ لَنَآ ۖ إِن تَتَّبِعُونَ إِلَّا
ٱلظَّنَّ وَإِنْ أَنتُمْ إِلَّا تَخْرُصُونَ ﴿148﴾ قُلْ فَلِلَّهِ ٱلْحُجَّةُ ٱلْبَٰلِغَةُ ۖ
فَلَوْ شَآءَ لَهَدَىٰكُمْ أَجْمَعِينَ ﴿149﴾ قُلْ هَلُمَّ شُهَدَآءَكُمُ ٱلَّذِينَ
يَشْهَدُونَ أَنَّ ٱللَّهَ حَرَّمَ هَٰذَا ۖ فَإِن شَهِدُوا۟ فَلَا تَشْهَدْ
مَعَهُمْ ۚ وَلَا تَتَّبِعْ أَهْوَآءَ ٱلَّذِينَ كَذَّبُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَا وَٱلَّذِينَ
لَا يُؤْمِنُونَ بِٱلْءَاخِرَةِ وَهُم بِرَبِّهِمْ يَعْدِلُونَ ﴿150﴾ ۞ قُلْ
تَعَالَوْا۟ أَتْلُ مَا حَرَّمَ رَبُّكُمْ عَلَيْكُمْ ۖ أَلَّا تُشْرِكُوا۟ بِهِۦ
شَيْـًٔا ۖ وَبِٱلْوَٰلِدَيْنِ إِحْسَٰنًا ۖ وَلَا تَقْتُلُوٓا۟ أَوْلَٰدَكُم مِّنْ
إِمْلَٰقٍ ۖ نَّحْنُ نَرْزُقُكُمْ وَإِيَّاهُمْ ۖ وَلَا تَقْرَبُوا۟ ٱلْفَوَٰحِشَ
مَا ظَهَرَ مِنْهَا وَمَا بَطَنَ ۖ وَلَا تَقْتُلُوا۟ ٱلنَّفْسَ ٱلَّتِى
حَرَّمَ ٱللَّهُ إِلَّا بِٱلْحَقِّ ۚ ذَٰلِكُمْ وَصَّىٰكُم بِهِۦ لَعَلَّكُمْ تَعْقِلُونَ ﴿151﴾

ثلاثة أرباع الحزب 15

147. U jekk *(il-Lhud)* igiddbuk, għidil*(hom Muħammad)*: "Sidkom hu ta' ħniena kbira *(għaliex ilu ħafna jissaportikom)*, iżda l-qilla tiegħu ma tinżammx minn fuq in-nies il-ħatjin."

148. Dawk li xierku *(allat oħra ma' Alla)* se jgħidu: "Li kieku Alla ried, ma konniex inxierku, u lanqas missirijietna, u ma konna nipprojbixxu xejn *(f'dak li hu ikel)*." Bħalhom kienu giddbu dawk ta' qabilhom, sa ma *(fl-aħħar)* daqu l-qilla tagħna. Għid*(ilhom)*: "Għandkom *(xi prova ta' dan jew)* xi għarfien li tistgħu toħorġuh għalina *(biex nemmnu li qegħdin tgħidu s-sewwa)*? Intom ma timxux għajr fuq l-istħajjil *(tagħkom)*, u intom tigdbu biss."

149. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ta' Alla hija l-aqwa xhieda, u li kieku ried, kien imexxikom ilkoll fit-triq it-tajba."

150. Għid*(ilhom)*: "Ġibu x-xhieda tagħkom li jixhdu li Alla għamel dan *(l-ikel)* ma jiswiex." U jekk jixhdu *(falz u jaqilgħu l-gideb)*, inti *(Muħammad)* tixhidx magħhom. U timxix fuq ix-xewqat ta' dawk li giddbu s-sinjali tagħna, li ma jemmnux *(fil-ħajja)* l-Oħra, u jqisu *(l-allat foloz tagħhom)* daqs Sidhom.

151. Għid*(ilhom)*: "Ejjew *(biex)* inħabbrilkom dak li Sidkom għamel ma jiswiex għalikom: la xxierku xejn miegħu, u ġibu rwieħkom tajjeb mal-ġenituri, toqtlux lil uliedkom minħabba l-faqar *(tagħkom)* – Aħna ngħajxu lilkom u lilhom. La toqorbux lejn l-għemejjel faħxija, sew dak minnhom li jidher u sew li ma jidhirx, u la toqtlux ir-ruħ li Alla qaddes, jekk mhux bil-ħaqq! Dak huwa li wissiekom, biex forsi tifhmu.

وَلَا تَقْرَبُوا۟ مَالَ ٱلْيَتِيمِ إِلَّا بِٱلَّتِى هِىَ أَحْسَنُ حَتَّىٰ يَبْلُغَ أَشُدَّهُۥ ۖ
وَأَوْفُوا۟ ٱلْكَيْلَ وَٱلْمِيزَانَ بِٱلْقِسْطِ ۖ لَا نُكَلِّفُ نَفْسًا إِلَّا
وُسْعَهَا ۖ وَإِذَا قُلْتُمْ فَٱعْدِلُوا۟ وَلَوْ كَانَ ذَا قُرْبَىٰ ۖ وَبِعَهْدِ
ٱللَّهِ أَوْفُوا۟ ۚ ذَٰلِكُمْ وَصَّىٰكُم بِهِۦ لَعَلَّكُمْ تَذَكَّرُونَ ﴿152﴾
وَأَنَّ هَٰذَا صِرَٰطِى مُسْتَقِيمًا فَٱتَّبِعُوهُ ۖ وَلَا تَتَّبِعُوا۟ ٱلسُّبُلَ
فَتَفَرَّقَ بِكُمْ عَن سَبِيلِهِۦ ۚ ذَٰلِكُمْ وَصَّىٰكُم بِهِۦ لَعَلَّكُمْ
تَتَّقُونَ ﴿153﴾ ثُمَّ ءَاتَيْنَا مُوسَى ٱلْكِتَٰبَ تَمَامًا عَلَى ٱلَّذِىٓ
أَحْسَنَ وَتَفْصِيلًا لِّكُلِّ شَىْءٍ وَهُدًى وَرَحْمَةً لَّعَلَّهُم بِلِقَآءِ
رَبِّهِمْ يُؤْمِنُونَ ﴿154﴾ وَهَٰذَا كِتَٰبٌ أَنزَلْنَٰهُ مُبَارَكٌ فَٱتَّبِعُوهُ
وَٱتَّقُوا۟ لَعَلَّكُمْ تُرْحَمُونَ ﴿155﴾ أَن تَقُولُوٓا۟ إِنَّمَآ أُنزِلَ ٱلْكِتَٰبُ
عَلَىٰ طَآئِفَتَيْنِ مِن قَبْلِنَا وَإِن كُنَّا عَن دِرَاسَتِهِمْ لَغَٰفِلِينَ
﴿156﴾ أَوْ تَقُولُوا۟ لَوْ أَنَّآ أُنزِلَ عَلَيْنَا ٱلْكِتَٰبُ لَكُنَّآ أَهْدَىٰ مِنْهُمْ ۚ
فَقَدْ جَآءَكُم بَيِّنَةٌ مِّن رَّبِّكُمْ وَهُدًى وَرَحْمَةٌ ۚ فَمَنْ
أَظْلَمُ مِمَّن كَذَّبَ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ وَصَدَفَ عَنْهَا ۗ سَنَجْزِى ٱلَّذِينَ
يَصْدِفُونَ عَنْ ءَايَٰتِنَا سُوٓءَ ٱلْعَذَابِ بِمَا كَانُوا۟ يَصْدِفُونَ ﴿157﴾

152. U la toqorbux lejn ġid l-iltim, ħlief bl-aħjar mod *(għall-ġid tiegħu)*, sa ma jilħaq l-aqwa tiegħu *(u jsir matur)*, u agħtu kejl u wżin sħiħ bil-ħaqq! Aħna ma ngħabbu lil ħadd aktar milli jiflaħ. U meta titkellmu, għidu s-sewwa, anki jekk *(kliemkom jolqot fil-laħam il-ħaj lil xi ħadd)* li hu qarib *(tagħkom)*, u wettqu r-rabta ta' Alla! Dak huwa li wissiekom, biex forsi tiftakru.

153. Din hija triqti d-dritta. Mela imxu fiha, u la timxux fit-toroq *(l-oħra)* għaliex ixerrdukom minn triqtu *(triq Alla, u titbiegħdu minnu)*. Dak huwa li wissiekom, biex forsi tibżgħu minnu."

154. Imbagħad tajna lil Mosè l-Ktieb li huwa l-milja *(tat-tjieba tagħna)* fuq dak *(il-bniedem ġust)* li jagħmel it-tajjeb; *(Ktieb)* li jfisser kollox bir-reqqa u tmexxija tajba u ħniena, biex forsi *(il-Lhud)* jemmnu fil-laqgħa ma' Sidhom *(f'Jum il-Ġudizzju)*.

155. Dan *(il-Qoran)* hu Ktieb li Aħna niżżilnieh, imbierek. Mela imxu fuqu u ibżgħu minn Alla, biex forsi tiksbu l-ħniena *(tiegħu)*.

156. *(U araw)* li ma tgħidux *(f'Jum il-Qawmien)*: "Qabilna, il-Ktieb tniżżel fuq żewġ ġemgħat biss *(il-Lhud u l-Insara)*, u ma konniex nafu bl-istudji tagħhom."

157. Jew tgħidu: "Li kieku l-Ktieb tniżżel fuqna *(kif tniżżel fuq dawk li ġew qabilna)*, konna nkunu fit-triq it-tajba aktar minnhom." Tassew ġiekom sinjal ċar minn Sidkom, *(kif ukoll)* tmexxija tajba u ħniena. Mela min huwa agħar minn dak li jgiddeb is-sinjali ta' Alla u jwarrab minnhom? Se nħallsu lil dawk li warrbu mis-sinjali tagħna b'kastig mill-agħar, talli kienu jwarrbu minnhom.

هَلْ يَنظُرُونَ إِلَّآ أَن تَأْتِيَهُمُ ٱلْمَلَٰٓئِكَةُ أَوْ يَأْتِىَ رَبُّكَ أَوْ يَأْتِىَ
بَعْضُ ءَايَٰتِ رَبِّكَ ۗ يَوْمَ يَأْتِى بَعْضُ ءَايَٰتِ رَبِّكَ لَا يَنفَعُ نَفْسًا إِيمَٰنُهَا
لَمْ تَكُنْ ءَامَنَتْ مِن قَبْلُ أَوْ كَسَبَتْ فِىٓ إِيمَٰنِهَا خَيْرًا ۗ قُلِ ٱنتَظِرُوٓا۟
إِنَّا مُنتَظِرُونَ ﴿158﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ فَرَّقُوا۟ دِينَهُمْ وَكَانُوا۟ شِيَعًا لَّسْتَ
مِنْهُمْ فِى شَىْءٍ ۚ إِنَّمَآ أَمْرُهُمْ إِلَى ٱللَّهِ ثُمَّ يُنَبِّئُهُم بِمَا كَانُوا۟ يَفْعَلُونَ
﴿159﴾ مَن جَآءَ بِٱلْحَسَنَةِ فَلَهُۥ عَشْرُ أَمْثَالِهَا ۖ وَمَن جَآءَ بِٱلسَّيِّئَةِ
فَلَا يُجْزَىٰٓ إِلَّا مِثْلَهَا وَهُمْ لَا يُظْلَمُونَ ﴿160﴾ قُلْ إِنَّنِى هَدَىٰنِى رَبِّىٓ
إِلَىٰ صِرَٰطٍ مُّسْتَقِيمٍ دِينًا قِيَمًا مِّلَّةَ إِبْرَٰهِيمَ حَنِيفًا ۚ وَمَا كَانَ مِنَ
ٱلْمُشْرِكِينَ ﴿161﴾ قُلْ إِنَّ صَلَاتِى وَنُسُكِى وَمَحْيَاىَ وَمَمَاتِى لِلَّهِ
رَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿162﴾ لَا شَرِيكَ لَهُۥ ۖ وَبِذَٰلِكَ أُمِرْتُ وَأَنَا۠ أَوَّلُ ٱلْمُسْلِمِينَ
﴿163﴾ قُلْ أَغَيْرَ ٱللَّهِ أَبْغِى رَبًّا وَهُوَ رَبُّ كُلِّ شَىْءٍ ۚ وَلَا تَكْسِبُ كُلُّ
نَفْسٍ إِلَّا عَلَيْهَا ۚ وَلَا تَزِرُ وَازِرَةٌ وِزْرَ أُخْرَىٰ ۚ ثُمَّ إِلَىٰ رَبِّكُم مَّرْجِعُكُمْ
فَيُنَبِّئُكُم بِمَا كُنتُمْ فِيهِ تَخْتَلِفُونَ ﴿164﴾ وَهُوَ ٱلَّذِى جَعَلَكُمْ
خَلَٰٓئِفَ ٱلْأَرْضِ وَرَفَعَ بَعْضَكُمْ فَوْقَ بَعْضٍ دَرَجَٰتٍ لِّيَبْلُوَكُمْ
فِى مَآ ءَاتَىٰكُمْ ۗ إِنَّ رَبَّكَ سَرِيعُ ٱلْعِقَابِ وَإِنَّهُۥ لَغَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿165﴾

158. Jaqaw *(il-pagani)* ma humiex jistennew ħlief li jiġuhom l-anġli *(fl-Aħħar Jum biex jeħdulhom irwieħhom)*, jew li jiġi*(hom)* Sidek *(innifsu f'Jum il-Ħaqq)*, jew inkella jiġu*(hom)* xi sinjali ta' Sidek? Fil-Jum meta jiġu xi sinjali ta' Sidek, it-twemmin *(dak il-ħin)* ma jkun ta' fejda għal ebda ruħ jekk *(dik ir-ruħ)* ma kinitx temmen qabel, jew kisbet xi ġid mit-twemmin tagħha. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Stennew; aħna *(ukoll)* qegħdin nistennew!"

159. Tabilħaqq li dawk li jifirdu r-reliġjon tagħhom, u jinqasmu f'ġemgħat, inti *(Muħammad)* ma għandekx x'taqsam magħhom. Dawk, minnhom lil Alla! Imbagħad iħabbrilhom x'kienu qegħdin jagħmlu.

160. Min *(f'Jum il-Ħaqq)* iġib għemil ta' ġid, ikollu għaxra bħalu, u min iġib għemil ta' deni, jitħallas biss bħalu. Huma ma jġarrbux inġustizzja.

161. Għid*(ilhom Muħammad lill-pagani)*: "Sidi mexxieni lejn triq dritta, reliġjon sewwa *(bla ebda tagħwiġ fiha)*, it-twemmin safi ta' Abraham. Huwa ma kienx minn dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla)*."

162. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Tabilħaqq li t-talb tiegħi, ir-riti tiegħi, ħajti u mewti huma *(kollha)* għal Alla, Sid il-ħolqien.

163. Huwa ma għandux xrik! Dan hu l-amar li ħadt, u jiena l-ewwel fost il-Misilmin li ntelqu f'idejh."

164. Għid*(ilhom)*: "Jaqaw għandi nixtieq lil ħaddieħor għajr lil Alla bħala Sid, meta Huwa Sid kollox?" Kull ruħ ma tiksibx *(il-ħlas)* ħlief għaliha nnifisha *(skond għemilha)*, u ebda ruħ ma terfa' t-toqol *(tad-dnub)* ta' *(ruħ)* oħra. Imbagħad lejn Sidkom tmorru lura, u jħabbrilkom dak li ma kontux taqblu fuqu.

165. Huwa li għamilkom il-werrieta ta' l-art *(minn nisel għal nisel)*, u refa' whud minnkom fuq oħrajn fi gradi *(ta' għerf, għana, qawwa, u ġieħ)*, biex iġarrabkom f'dak li takom. Tabilħaqq li Sidek malajr jagħti l-kastig, iżda Huwa tassew Kollu Maħfra u Ħanin.

سُورَةُ الأَعْرَافِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

الحزب 16

الٓمٓصٓ ﴿1﴾ كِتَٰبٌ أُنزِلَ إِلَيْكَ فَلَا يَكُن فِي صَدْرِكَ حَرَجٌ مِّنْهُ
لِتُنذِرَ بِهِۦ وَذِكْرَىٰ لِلْمُؤْمِنِينَ ﴿2﴾ ٱتَّبِعُوا۟ مَآ أُنزِلَ إِلَيْكُم
مِّن رَّبِّكُمْ وَلَا تَتَّبِعُوا۟ مِن دُونِهِۦٓ أَوْلِيَآءَ ۗ قَلِيلًا مَّا تَذَكَّرُونَ ﴿3﴾
وَكَم مِّن قَرْيَةٍ أَهْلَكْنَٰهَا فَجَآءَهَا بَأْسُنَا بَيَٰتًا أَوْهُمْ قَآئِلُونَ
﴿4﴾ فَمَا كَانَ دَعْوَىٰهُمْ إِذْ جَآءَهُم بَأْسُنَآ إِلَّآ أَن قَالُوٓا۟ إِنَّا كُنَّا
ظَٰلِمِينَ ﴿5﴾ فَلَنَسْـَٔلَنَّ ٱلَّذِينَ أُرْسِلَ إِلَيْهِمْ وَلَنَسْـَٔلَنَّ
ٱلْمُرْسَلِينَ ﴿6﴾ فَلَنَقُصَّنَّ عَلَيْهِم بِعِلْمٍ ۖ وَمَا كُنَّا غَآئِبِينَ ﴿7﴾
وَٱلْوَزْنُ يَوْمَئِذٍ ٱلْحَقُّ ۚ فَمَن ثَقُلَتْ مَوَٰزِينُهُۥ فَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ
ٱلْمُفْلِحُونَ ﴿8﴾ وَمَنْ خَفَّتْ مَوَٰزِينُهُۥ فَأُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ خَسِرُوٓا۟
أَنفُسَهُم بِمَا كَانُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَا يَظْلِمُونَ ﴿9﴾ وَلَقَدْ مَكَّنَّٰكُمْ
فِي ٱلْأَرْضِ وَجَعَلْنَا لَكُمْ فِيهَا مَعَٰيِشَ ۗ قَلِيلًا مَّا تَشْكُرُونَ ﴿10﴾
وَلَقَدْ خَلَقْنَٰكُمْ ثُمَّ صَوَّرْنَٰكُمْ ثُمَّ قُلْنَا لِلْمَلَٰٓئِكَةِ ٱسْجُدُوا۟
لِـَٔادَمَ فَسَجَدُوٓا۟ إِلَّآ إِبْلِيسَ لَمْ يَكُن مِّنَ ٱلسَّٰجِدِينَ ﴿11﴾

7. *Sūratu l-'Aghrāf*

(Suret is-Swar – Niżlet f'Mekka b'206 versi)

F'Isem Alla Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *'Alif. Lām. Mīm. Ṣād.*
2. Ktieb li tniżżillek *(Muħammad)*. Mela ħalli ma jkun hemm ebda diqa f'sidrek minħabba fih; biex twissi bih u *(ikun ta')* tifkira għal dawk li jemmnu.
3. Imxu fuq dak li tniżżlilkom minn Sidkom, u la timxux wara sidien *(foloz)* minfloku! *(Iżda intom)* ftit tiftakru *(fit-twissija)*.
4. Kemm-il belt qridna u l-qilla tagħna ġietha *(għal għarrieda)* billejl, jew waqt li kienu fin-nagħsa ta' wara nofsinhar.[42]
5. It-talba tagħhom, meta ġiethom il-qilla tagħna, ma kinitx għajr li qalu: "Aħna tabilħaqq konna ħżiena!"
6. Aħna tabilħaqq nistaqsu lil dawk li ntbagħtilhom *(il-messaġġ tagħna)*, u tabilħaqq nistaqsu lill-Mibgħutin.
7. Imbagħad tassew inħabbrulhom kollox bl-għerf, għaliex *(dejjem konna kullimkien, u qatt)* ma konna neqsin.
8. U l-użin dakinhar ikun bil-ħaqq. U dawk li l-kfief *(talmiżien)* tagħhom jitqalu *(bl-għemejjel it-tajba)*, dawk huma r-rebbiħin.
9. Iżda min il-kfief tiegħu jiħfiefu *(għaliex nieqsa millgħemejjel tajba)*, dawk huma li tilfu lilhom infushom talli kienu jonqsu lejn is-sinjali tagħna.
10. Aħna saħħaħniekom sew *(b'kull ġid)* fuq l-art, u fiha għamilnielkom l-għajxien. *(Iżda intom)* ftit tiżżu ħajr *(ta' dan)*.
11. U ħlaqniekom, imbagħad sawwarniekom. Imbagħad għedna lill-anġli: "Inxteħtu quddiem Adam!" U huma nxteħtu; Iblīs biss ma kienx minn dawk li nxteħtu jqimu.

[42] Hawn il-kelma *belt* tirreferi l-aktar għan-nies li jgħammru fiha.

قَالَ مَا مَنَعَكَ أَلَّا تَسْجُدَ إِذْ أَمَرْتُكَ ۖ قَالَ أَنَا۠ خَيْرٌ مِّنْهُ خَلَقْتَنِى مِن نَّارٍ
وَخَلَقْتَهُۥ مِن طِينٍ ﴿12﴾ قَالَ فَٱهْبِطْ مِنْهَا فَمَا يَكُونُ لَكَ أَن تَتَكَبَّرَ
فِيهَا فَٱخْرُجْ إِنَّكَ مِنَ ٱلصَّٰغِرِينَ ﴿13﴾ قَالَ أَنظِرْنِىٓ إِلَىٰ يَوْمِ يُبْعَثُونَ
﴿14﴾ قَالَ إِنَّكَ مِنَ ٱلْمُنظَرِينَ ﴿15﴾ قَالَ فَبِمَآ أَغْوَيْتَنِى لَأَقْعُدَنَّ لَهُمْ
صِرَٰطَكَ ٱلْمُسْتَقِيمَ ﴿16﴾ ثُمَّ لَءَاتِيَنَّهُم مِّنۢ بَيْنِ أَيْدِيهِمْ وَمِنْ خَلْفِهِمْ
وَعَنْ أَيْمَٰنِهِمْ وَعَن شَمَآئِلِهِمْ ۖ وَلَا تَجِدُ أَكْثَرَهُمْ شَٰكِرِينَ ﴿17﴾ قَالَ
ٱخْرُجْ مِنْهَا مَذْءُومًا مَّدْحُورًا ۖ لَّمَن تَبِعَكَ مِنْهُمْ لَأَمْلَأَنَّ جَهَنَّمَ مِنكُمْ
أَجْمَعِينَ ﴿18﴾ وَيَٰٓـَٔادَمُ ٱسْكُنْ أَنتَ وَزَوْجُكَ ٱلْجَنَّةَ فَكُلَا مِنْ حَيْثُ
شِئْتُمَا وَلَا تَقْرَبَا هَٰذِهِ ٱلشَّجَرَةَ فَتَكُونَا مِنَ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿19﴾ فَوَسْوَسَ
لَهُمَا ٱلشَّيْطَٰنُ لِيُبْدِىَ لَهُمَا مَا وُۥرِىَ عَنْهُمَا مِن سَوْءَٰتِهِمَا وَقَالَ
مَا نَهَىٰكُمَا رَبُّكُمَا عَنْ هَٰذِهِ ٱلشَّجَرَةِ إِلَّآ أَن تَكُونَا مَلَكَيْنِ أَوْ تَكُونَا
مِنَ ٱلْخَٰلِدِينَ ﴿20﴾ وَقَاسَمَهُمَآ إِنِّى لَكُمَا لَمِنَ ٱلنَّٰصِحِينَ ﴿21﴾
فَدَلَّىٰهُمَا بِغُرُورٍ ۚ فَلَمَّا ذَاقَا ٱلشَّجَرَةَ بَدَتْ لَهُمَا سَوْءَٰتُهُمَا وَطَفِقَا
يَخْصِفَانِ عَلَيْهِمَا مِن وَرَقِ ٱلْجَنَّةِ ۖ وَنَادَىٰهُمَا رَبُّهُمَآ أَلَمْ أَنْهَكُمَا
عَن تِلْكُمَا ٱلشَّجَرَةِ وَأَقُل لَّكُمَآ إِنَّ ٱلشَّيْطَٰنَ لَكُمَا عَدُوٌّ مُّبِينٌ ﴿22﴾

12. Qal *(Alla lil Iblīs)*: "X'żammek milli tinxteħet meta qabbadtek *(tagħmel hekk)*?" Qal *(Iblīs)*: "Jiena aħjar minnu: *(lili)* ħlaqtni minn nar, u *(lilu)* ħlaqtu minn tajn."
13. Qal *(Alla)*: "Mela inżel minnha *(il-Ġenna)*! Ma jkun *(qatt)* li titkabbar fiha! Oħroġ! Inti tabilħaqq mill-*(ħlejjaq)* imċekknin *(u mkasbrin)*."
14. Qal *(Iblīs)*: "Agħtini aktar żmien *(u la tikkastiganix)* sal-Jum *(li fih il-bnedmin)* jitqajmu mill-mewt."
15. Qal *(Alla)*: "Inti minn dawk li ngħataw iż-żmien."
16. Qal *(Iblīs)*: "Talli ħriġtni mit-triq *(it-tajba)*, jiena tassew se noqogħdilhom *(għassa lill-bnedmin u nonsobhom)* fit-triq id-dritta tiegħek.
17. Imbagħad tassew niġihom *(u naħbat għalihom)* minn quddiemhom u minn warajhom, minn fuq il-lemin tagħhom u minn fuq ix-xellug tagħhom. U m'Intix se ssib lil ħafna minnhom jiżżuk ħajr *(tat-tjieba kbira tiegħek fuqhom)*."
18. Qal *(Alla)*: "Oħroġ minnha mkasbar u mkeċċi! U min minnhom jimxi warajk, tassew nimla l-Infern bikom ilkoll!"
19. *(Imbagħad Alla dar fuq Adam u qallu)*: "Ja Adam, għammar inti u martek fil-Ġenna, u kulu minn fejn tridu! Iżda la toqorbux lejn din is-siġra, għaliex tkunu mill-ħżiena!"
20. U *(ix-Xitan)* fesfsilhom *(xi ħaġa)* biex jurihom l-għera tagħhom *(li qabel)* kienet moħbija minnhom, u qal*(ilhom)*: "Sidkom ma żammkomx lura minn din is-siġra ħlief biex ma ssirux żewġ anġli, u lanqas tkunu minn dawk li jgħixu għal dejjem."
21. U ħalfilhom *(hekk)*: "Jiena tabilħaqq minn dawk li jifthulkom għajnejkom!"
22. Għalhekk *(ix-Xitan)* waqqagħhom b'qerq. U meta daqu mis-siġra, intebħu bl-għera tagħhom it-tnejn, u bdew iqiegħdu fuqhom xi weraq tal-Ġenna *(biex jitgħattew bihom)*. Sidhom sejħilhom *(u qalilhom)*: "Mela ma żammejtkomx lura minn dik is-siġra, u ma għedtilkomx li x-Xitan huwa għadu fil-beraħ tagħkom?"

قَالَا رَبَّنَا ظَلَمْنَآ أَنفُسَنَا وَإِن لَّمْ تَغْفِرْ لَنَا وَتَرْحَمْنَا لَنَكُونَنَّ مِنَ
ٱلْخَٰسِرِينَ ﴿23﴾ قَالَ ٱهْبِطُوا۟ بَعْضُكُمْ لِبَعْضٍ عَدُوٌّ ۖ وَلَكُمْ فِى
ٱلْأَرْضِ مُسْتَقَرٌّ وَمَتَٰعٌ إِلَىٰ حِينٍ ﴿24﴾ قَالَ فِيهَا تَحْيَوْنَ وَفِيهَا
تَمُوتُونَ وَمِنْهَا تُخْرَجُونَ ﴿25﴾ يَٰبَنِىٓ ءَادَمَ قَدْ أَنزَلْنَا عَلَيْكُمْ لِبَاسًا
يُوَٰرِى سَوْءَٰتِكُمْ وَرِيشًا ۖ وَلِبَاسُ ٱلتَّقْوَىٰ ذَٰلِكَ خَيْرٌ ۚ ذَٰلِكَ مِنْ
ءَايَٰتِ ٱللَّهِ لَعَلَّهُمْ يَذَّكَّرُونَ ﴿26﴾ يَٰبَنِىٓ ءَادَمَ لَا يَفْتِنَنَّكُمُ
ٱلشَّيْطَٰنُ كَمَآ أَخْرَجَ أَبَوَيْكُم مِّنَ ٱلْجَنَّةِ يَنزِعُ عَنْهُمَا لِبَاسَهُمَا
لِيُرِيَهُمَا سَوْءَٰتِهِمَآ ۗ إِنَّهُۥ يَرَىٰكُمْ هُوَ وَقَبِيلُهُۥ مِنْ حَيْثُ لَا تَرَوْنَهُمْ ۗ
إِنَّا جَعَلْنَا ٱلشَّيَٰطِينَ أَوْلِيَآءَ لِلَّذِينَ لَا يُؤْمِنُونَ ﴿27﴾ وَإِذَا فَعَلُوا۟
فَٰحِشَةً قَالُوا۟ وَجَدْنَا عَلَيْهَآ ءَابَآءَنَا وَٱللَّهُ أَمَرَنَا بِهَا ۗ قُلْ إِنَّ ٱللَّهَ
لَا يَأْمُرُ بِٱلْفَحْشَآءِ ۖ أَتَقُولُونَ عَلَى ٱللَّهِ مَا لَا تَعْلَمُونَ ﴿28﴾ قُلْ
أَمَرَ رَبِّى بِٱلْقِسْطِ ۖ وَأَقِيمُوا۟ وُجُوهَكُمْ عِندَ كُلِّ مَسْجِدٍ
وَٱدْعُوهُ مُخْلِصِينَ لَهُ ٱلدِّينَ ۚ كَمَا بَدَأَكُمْ تَعُودُونَ ﴿29﴾ فَرِيقًا
هَدَىٰ وَفَرِيقًا حَقَّ عَلَيْهِمُ ٱلضَّلَٰلَةُ ۗ إِنَّهُمُ ٱتَّخَذُوا۟ ٱلشَّيَٰطِينَ
أَوْلِيَآءَ مِن دُونِ ٱللَّهِ وَيَحْسَبُونَ أَنَّهُم مُّهْتَدُونَ ﴿30﴾

23. Huma t-tnejn *(Adam u Eva)* qalu: "Sidna, dnibna kontra tagħna nfusna, u jekk ma taħfrilniex u ma tħennx għalina, tassew inkunu mitlufin."
24. Qal *(Alla)*: "Inżlu 'l isfel għedewwa ta' xulxin! L-art tkun l-għamara u l-għajxien tagħkom, għal xi żmien."
25. Qal *(Alla)*: "Fiha tgħixu, u fiha tmutu, u minnha tinħarġu."
26. Ja wlied Adam, niżżilnielkom ilbies li jostor l-għera tagħkom, u ħwejjeġ sbieħ. Iżda l-ilbies tal-biża' ta' Alla – dak huwa l-aħjar! Dan huwa *(wieħed)* mis-sinjali ta' Alla, biex forsi jiftakru *(fit-tjieba ta' Alla)*.
27. Ja wlied Adam, la tħallux ix-Xitan iġarrabkom bħalma kien ħareġ lill-ġenituri tagħkom mill-Ġenna, *(li)* neżżagħlhom ilbieshom biex jurihom l-għera tagħhom it-tnejn. Tabilħaqq li hu u sħabu *(ix-xjaten l-oħra)* jarawkom minn fejn intom ma tarawhomx. Aħna għamilna x-xjaten ħbieb *(u alleati ta')* dawk li ma jemmnux.
28. U meta jagħmlu għemil faħxi, jgħidu: "Sibna lil missirijietna jagħmlu dan, u Alla ordnalna *(nagħmlu)* dan." Għid*(ilhom Muħammad)*: "Tabilħaqq li Alla ma jamarx l-għemejjel faħxija. Jaqaw tgħidu dwar Alla dak li ma tafux?"
29. Għid *(Muħammad)*: "Sidi amar il-Ħaqq. Żommu ħarsitkom *(lejh)* f'kull post ta' talb, sejħulu, u oqogħdu biss għad-din tiegħu. Bħalma bdiekom *(fuq l-art meta ħalaqkom, hekk ukoll)* terġgħu lura *(minnha għal għandu)*."
30. Lil uħud mexxa fit-triq it-tajba, u oħrajn kienu jistħoqqu t-telfien. Huma ħadu x-xjaten bi ħbieb *(u alleati tagħhom)*, minflok lil Alla, u jaħsbu li huma fit-triq it-tajba.

ربع الحزب 16

۞ يَٰبَنِيٓ ءَادَمَ خُذُواْ زِينَتَكُمۡ عِندَ كُلِّ مَسۡجِدٖ وَكُلُواْ وَٱشۡرَبُواْ
وَلَا تُسۡرِفُوٓاْۚ إِنَّهُۥ لَا يُحِبُّ ٱلۡمُسۡرِفِينَ ﴿31﴾ قُلۡ مَنۡ حَرَّمَ زِينَةَ ٱللَّهِ
ٱلَّتِيٓ أَخۡرَجَ لِعِبَادِهِۦ وَٱلطَّيِّبَٰتِ مِنَ ٱلرِّزۡقِۚ قُلۡ هِيَ لِلَّذِينَ ءَامَنُواْ
فِي ٱلۡحَيَوٰةِ ٱلدُّنۡيَا خَالِصَةٗ يَوۡمَ ٱلۡقِيَٰمَةِۗ كَذَٰلِكَ نُفَصِّلُ ٱلۡأٓيَٰتِ
لِقَوۡمٖ يَعۡلَمُونَ ﴿32﴾ قُلۡ إِنَّمَا حَرَّمَ رَبِّيَ ٱلۡفَوَٰحِشَ مَا ظَهَرَ مِنۡهَا وَمَا
بَطَنَ وَٱلۡإِثۡمَ وَٱلۡبَغۡيَ بِغَيۡرِ ٱلۡحَقِّ وَأَن تُشۡرِكُواْ بِٱللَّهِ مَا لَمۡ يُنَزِّلۡ بِهِۦ
سُلۡطَٰنٗا وَأَن تَقُولُواْ عَلَى ٱللَّهِ مَا لَا تَعۡلَمُونَ ﴿33﴾ وَلِكُلِّ أُمَّةٍ أَجَلٞۖ
فَإِذَا جَآءَ أَجَلُهُمۡ لَا يَسۡتَأۡخِرُونَ سَاعَةٗۖ وَلَا يَسۡتَقۡدِمُونَ ﴿34﴾
يَٰبَنِيٓ ءَادَمَ إِمَّا يَأۡتِيَنَّكُمۡ رُسُلٞ مِّنكُمۡ يَقُصُّونَ عَلَيۡكُمۡ ءَايَاتِي فَمَنِ
ٱتَّقَىٰ وَأَصۡلَحَ فَلَا خَوۡفٌ عَلَيۡهِمۡ وَلَا هُمۡ يَحۡزَنُونَ ﴿35﴾ وَٱلَّذِينَ
كَذَّبُواْ بِـَٔايَٰتِنَا وَٱسۡتَكۡبَرُواْ عَنۡهَآ أُوْلَٰٓئِكَ أَصۡحَٰبُ ٱلنَّارِۖ هُمۡ
فِيهَا خَٰلِدُونَ ﴿36﴾ فَمَنۡ أَظۡلَمُ مِمَّنِ ٱفۡتَرَىٰ عَلَى ٱللَّهِ كَذِبًا أَوۡ كَذَّبَ
بِـَٔايَٰتِهِۦٓۚ أُوْلَٰٓئِكَ يَنَالُهُمۡ نَصِيبُهُم مِّنَ ٱلۡكِتَٰبِۖ حَتَّىٰٓ إِذَا جَآءَتۡهُمۡ
رُسُلُنَا يَتَوَفَّوۡنَهُمۡ قَالُوٓاْ أَيۡنَ مَا كُنتُمۡ تَدۡعُونَ مِن دُونِ ٱللَّهِۖ
قَالُواْ ضَلُّواْ عَنَّا وَشَهِدُواْ عَلَىٰٓ أَنفُسِهِمۡ أَنَّهُمۡ كَانُواْ كَٰفِرِينَ ﴿37﴾

31. Ja wlied Adam, ħudu *(u ilbsu)* l-aħjar ħwejjeġ tagħkom f'kull *(ħin u f'kull)* post ta' talb, u kulu u ixorbu, mingħajr ħela *(lanqas fl-ilbies)*. Huwa ma jħobbx lill-ħaljin.

32. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Min għamel ma jiswewx il-ħwejjeġ sbieħ ta' Alla li Hu sawwar għall-qaddejja tiegħu, u l-ikel tajjeb għall-għajxien *(tagħhom)*?" Għid: "F'Jum il-Qawmien, dawn *(il-ħwejjeġ tajba)* ikunu biss għal dawk li emmnu *(f'Alla)* fil-ħajja fid-dinja." B'hekk infissru bir-reqqa s-sinjali *(tagħna)* lil nies li jafu.

33. Għid*(ilhom ukoll Muħammad)*: "Alla għamel biss ma jiswewx l-għemejjel faħxija, dawk minnhom li jidhru u dawk moħbija, kif ukoll il-ħtija u l-aggressjoni mingħajr ħaqq, u li xxierku *(allat oħra)* ma' Alla, mingħajr ma niżżel is-setgħa li tagħmlu dan, u li tgħidu dwar Alla dak li ma tafux."

34. U kull nazzjon *(li kasbar lill-Mibgħutin ta' Alla)* għandu żmienu *(f'din id-dinja)*. Meta jasal żmienhom *(għall-kastig)*, ma jtawlux *(il-kastig)* b'siegħa, u lanqas inaqqsu*(h b'siegħa)*.

35. Ja wlied Adam, jekk jiġukom Mibgħutin minn fostkom li jħabbrulkom is-sinjali tiegħi, min jibża' minn Alla u jagħmel it-tajjeb, ma jkollhomx biża' fuqhom u lanqas jitnikktu.

36. U dawk li jgiddbu s-sinjali u r-Rivelazzjoni tagħna u jitkabbru kontrihom, dawk huma nies in-Nar, u fih jgħammru għal dejjem.

37. Min huwa agħar minn min jaqla' l-gideb dwar Alla, jew li jgiddeb is-sinjali tiegħu? Dawk, isibhom sehemhom mill-Ktieb *(tal-liġi ta' Alla)*, u meta l-Mibgħutin tagħna *(l-anġli)* jiġuhom biex jeħdulhom irwieħhom, huma jgħidu *(lill-ħziena)*: "Fejn huma dawk *(l-allat foloz)* li kontu ssejħu minflok lil Alla *(forsi jeħilsukom)*?" Huma jwieġbu: "Telquna," u *(hekk)* jixhdu kontra tagħhom infushom li huma kienu ma jemmnux.

قَالَ ادْخُلُوا فِي أُمَمٍ قَدْ خَلَتْ مِن قَبْلِكُم مِّنَ الْجِنِّ وَالْإِنسِ
فِي النَّارِ ۖ كُلَّمَا دَخَلَتْ أُمَّةٌ لَّعَنَتْ أُخْتَهَا ۖ حَتَّىٰ إِذَا ادَّارَكُوا فِيهَا
جَمِيعًا قَالَتْ أُخْرَاهُمْ لِأُولَاهُمْ رَبَّنَا هَٰؤُلَاءِ أَضَلُّونَا فَآتِهِمْ
عَذَابًا ضِعْفًا مِّنَ النَّارِ ۖ قَالَ لِكُلٍّ ضِعْفٌ وَلَٰكِن لَّا تَعْلَمُونَ ﴿38﴾
وَقَالَتْ أُولَاهُمْ لِأُخْرَاهُمْ فَمَا كَانَ لَكُمْ عَلَيْنَا مِن فَضْلٍ
فَذُوقُوا الْعَذَابَ بِمَا كُنتُمْ تَكْسِبُونَ ﴿39﴾ إِنَّ الَّذِينَ كَذَّبُوا
بِآيَاتِنَا وَاسْتَكْبَرُوا عَنْهَا لَا تُفَتَّحُ لَهُمْ أَبْوَابُ السَّمَاءِ وَلَا يَدْخُلُونَ
الْجَنَّةَ حَتَّىٰ يَلِجَ الْجَمَلُ فِي سَمِّ الْخِيَاطِ ۚ وَكَذَٰلِكَ نَجْزِي
الْمُجْرِمِينَ ﴿40﴾ لَهُم مِّن جَهَنَّمَ مِهَادٌ وَمِن فَوْقِهِمْ غَوَاشٍ ۚ
وَكَذَٰلِكَ نَجْزِي الظَّالِمِينَ ﴿41﴾ وَالَّذِينَ آمَنُوا وَعَمِلُوا
الصَّالِحَاتِ لَا نُكَلِّفُ نَفْسًا إِلَّا وُسْعَهَا أُولَٰئِكَ أَصْحَابُ
الْجَنَّةِ ۖ هُمْ فِيهَا خَالِدُونَ ﴿42﴾ وَنَزَعْنَا مَا فِي صُدُورِهِم مِّنْ غِلٍّ
تَجْرِي مِن تَحْتِهِمُ الْأَنْهَارُ ۖ وَقَالُوا الْحَمْدُ لِلَّهِ الَّذِي هَدَانَا لِهَٰذَا
وَمَا كُنَّا لِنَهْتَدِيَ لَوْلَا أَنْ هَدَانَا اللَّهُ ۖ لَقَدْ جَاءَتْ رُسُلُ رَبِّنَا بِالْحَقِّ ۖ
وَنُودُوا أَن تِلْكُمُ الْجَنَّةُ أُورِثْتُمُوهَا بِمَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿43﴾

38. *(F'Jum il-Ħaqq, Alla)* jgħid*(ilhom)*: "Idħlu fin-Nar flimkien ma' ġnus ta' *ġinn* u nies li għaddew qabilkom." Kull darba li jidħol ġens *(fin-Nar, arah)* jisħet lil ħuh *(il-ġens ta' qablu)*, ħekk li meta lkoll jilħqu lil xulxin fih, l-aħħar wieħed fosthom jgħid dwar ta' l-ewwel: "Sidna! Dawk tellfuna t-triq! Mela agħtihom kastig doppju fin-Nar." Huwa jgħid: "Kulħadd imissu *(kastig)* doppju, iżda ma tafux *(dwar dan)*."

39. L-ewwel *(ġens)* fosthom jgħid lill-aħħar wieħed: "Intom ma kontux aħjar minna *(biex jitnaqqsilkom il-kastig)*. Mela duqu l-kastig ta` dak li kontu tiksbu *(bil-ħażen tagħkom)*."

40. Tabilħaqq li dawk li jgiddbu s-sinjali u r-Rivelazzjoni tagħna, u jitkabbru kontrihom, ma jinfetħulhomx bwieb is-sema, u lanqas jidħlu l-Ġenna sa ma l-ġemel jgħaddi minn għajn il-labra. Hekk inħallsu *(bil-kastig)* lill-ħatjin.

41. Fl-Infern għandhom il-friex *(tagħhom)*, u fuqhom saffi *(sħaħ tan-nar)* jgħattuhom. Hekk inħallsu *(bil-kastig)* lill-ħżiena.

42. Iżda dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba – Aħna ma ngħabbu lil ħadd aktar milli jiflaħ – dawk huma nies il-Ġenna, u fiha jgħammru għal dejjem.

43. U nneżżgħu*(hom)* mill-mibegħda *(u l-għira)* f'qalbhom. Taħthom għad jiġru x-xmajjar, u jgħidu: "Tifħir lil Alla li mexxiena sa dan *(il-ħlas tajjeb)*. Ma konniex naqbdu t-triq it-tajba, li kieku Alla ma mexxiniex *(fiha)*. Tassew li l-Mibgħutin ta' Alla ġew*(na)* bis-sewwa." U *(it-tajbin)* ikunu msejħa *(u l-anġli jħabbrulhom dan il-kliem)*: "Din hija l-Ġenna li ngħatatilkom b'wirt, ta' dak *(it-tajjeb)* li kontu tagħmlu."

وَنَادَىٰٓ أَصۡحَٰبُ ٱلۡجَنَّةِ أَصۡحَٰبَ ٱلنَّارِ أَن قَدۡ وَجَدۡنَا مَا وَعَدَنَا رَبُّنَا حَقّٗا
فَهَلۡ وَجَدتُّم مَّا وَعَدَ رَبُّكُمۡ حَقّٗاۖ قَالُواْ نَعَمۡۚ فَأَذَّنَ مُؤَذِّنُۢ بَيۡنَهُمۡ أَن
لَّعۡنَةُ ٱللَّهِ عَلَى ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿44﴾ ٱلَّذِينَ يَصُدُّونَ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ وَيَبۡغُونَهَا
عِوَجٗا وَهُم بِٱلۡأٓخِرَةِ كَٰفِرُونَ ﴿45﴾ وَبَيۡنَهُمَا حِجَابٞۚ وَعَلَى ٱلۡأَعۡرَافِ
رِجَالٞ يَعۡرِفُونَ كُلَّۢا بِسِيمَىٰهُمۡۚ وَنَادَوۡاْ أَصۡحَٰبَ ٱلۡجَنَّةِ أَن سَلَٰمٌ عَلَيۡكُمۡۚ
لَمۡ يَدۡخُلُوهَا وَهُمۡ يَطۡمَعُونَ ﴿46﴾ ۞ وَإِذَا صُرِفَتۡ أَبۡصَٰرُهُمۡ تِلۡقَآءَ
أَصۡحَٰبِ ٱلنَّارِ قَالُواْ رَبَّنَا لَا تَجۡعَلۡنَا مَعَ ٱلۡقَوۡمِ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿47﴾ وَنَادَىٰٓ أَصۡحَٰبُ
ٱلۡأَعۡرَافِ رِجَالٗا يَعۡرِفُونَهُم بِسِيمَىٰهُمۡ قَالُواْ مَآ أَغۡنَىٰ عَنكُمۡ جَمۡعُكُمۡ
وَمَا كُنتُمۡ تَسۡتَكۡبِرُونَ ﴿48﴾ أَهَٰٓؤُلَآءِ ٱلَّذِينَ أَقۡسَمۡتُمۡ لَا يَنَالُهُمُ
ٱللَّهُ بِرَحۡمَةٍۚ ٱدۡخُلُواْ ٱلۡجَنَّةَ لَا خَوۡفٌ عَلَيۡكُمۡ وَلَآ أَنتُمۡ تَحۡزَنُونَ
﴿49﴾ وَنَادَىٰٓ أَصۡحَٰبُ ٱلنَّارِ أَصۡحَٰبَ ٱلۡجَنَّةِ أَنۡ أَفِيضُواْ عَلَيۡنَا
مِنَ ٱلۡمَآءِ أَوۡ مِمَّا رَزَقَكُمُ ٱللَّهُۚ قَالُوٓاْ إِنَّ ٱللَّهَ حَرَّمَهُمَا عَلَى
ٱلۡكَٰفِرِينَ ﴿50﴾ ٱلَّذِينَ ٱتَّخَذُواْ دِينَهُمۡ لَهۡوٗا وَلَعِبٗا
وَغَرَّتۡهُمُ ٱلۡحَيَوٰةُ ٱلدُّنۡيَاۚ فَٱلۡيَوۡمَ نَنسَىٰهُمۡ كَمَا نَسُواْ
لِقَآءَ يَوۡمِهِمۡ هَٰذَا وَمَا كَانُواْ بِـَٔايَٰتِنَا يَجۡحَدُونَ ﴿51﴾

نصف الحزب 16

44. U nies il-Ġenna jsejħu lil nies in-Nar *(u jgħidulhom)*: "Sibna dak li kien wegħedna Sidna bis-sewwa. *(Issa intom)* sibtu dak li kien wegħedkom Sidkom bis-sewwa?" Huma jgħidu: "Iva!" Iżda widdien fosthom għad isejjaħ *(ħekk)*: "Is-saħta ta' Alla fuq il-ħżiena,
45. li jfixklu u jżommu *(lil ħaddieħor)* minn triq Alla, u jixtiquha mgħawġa, u ma jemmnux fil-*(ħajja)* l-Oħra."
46. U bejniethom hemm velu *(li bħal sur għoli jifred il-Ġenna mill-Infern)*, u fuq is-swar hemm irġiel li jagħrfu lil kulħadd mill-marki tagħhom. U jsejħu lil nies il-Ġenna *(u jgħidulhom)*: "Sliem għalikom!" Huma *(ta' fuq is-swar)* ma jidħlux fiha, għad li huma jittamaw *(ħafna dan)*.
47. U meta ħarsithom tiddawwar lejn nies in-Nar, jgħidu: "Sidna, la tagħmilniex man-nies il-ħżiena."
48. Nies is-swar isejħu lil xi rġiel *(li jinsabu fl-Infern u)* li jagħrfuhom mill-marki tagħhom, u jgħidu*(lhom)*: "Ma swielkom xejn dak *(il-ġid kbir jew l-għadd kbir tagħkom)* li ġbartu, u *(lanqas ma swielkom)* li kontu titkabbru.
49. Jaqaw dawn *(in-nies twajba, iżda dgħajfa)* ma humiex dawk li ħliftu li Alla ma jsawwabx il-ħniena *(tiegħu)* fuqhom?" *(U nies is-swar jgħidu lit-tajbin)*: "Idħlu l-Ġenna! Ma hemm ebda biża' fuqkom u lanqas titnikktu!"
50. U nies in-Nar isejħu lil nies il-Ġenna *(u jgħidulhom)*: "Roxxu fuqna xi ftit ilma, jew minn dak li Alla takom għall-għajxien tagħkom." Huma jweġbuhom: "Tabilħaqq li Alla jipprojbixxi li dawn it-tnejn jingħataw lil dawk li ma jemmnux,
51. dawk li ħadu d-din tagħhom b'mogħdija ta' żmien u bil-logħob, u qarrqet bihom il-ħajja *(bit-tlellix tagħha f'din)* id-dinja." Illum ninsewhom *(u nħalluhom fil-kastig tagħhom)*, bħalma huma nsew *(din)* il-laqgħa ta' dan il-Jum tagħhom, u kienu jiċħdu s-sinjali tagħna.

وَلَقَدْ جِئْنَٰهُم بِكِتَٰبٍ فَصَّلْنَٰهُ عَلَىٰ عِلْمٍ هُدًى وَرَحْمَةً لِّقَوْمٍ
يُؤْمِنُونَ ﴿52﴾ هَلْ يَنظُرُونَ إِلَّا تَأْوِيلَهُۥ ۚ يَوْمَ يَأْتِى تَأْوِيلُهُۥ يَقُولُ
ٱلَّذِينَ نَسُوهُ مِن قَبْلُ قَدْ جَآءَتْ رُسُلُ رَبِّنَا بِٱلْحَقِّ فَهَل لَّنَا
مِن شُفَعَآءَ فَيَشْفَعُوا۟ لَنَآ أَوْ نُرَدُّ فَنَعْمَلَ غَيْرَ ٱلَّذِى كُنَّا نَعْمَلُ ۚ
قَدْ خَسِرُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ وَضَلَّ عَنْهُم مَّا كَانُوا۟ يَفْتَرُونَ ﴿53﴾
إِنَّ رَبَّكُمُ ٱللَّهُ ٱلَّذِى خَلَقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ فِى سِتَّةِ
أَيَّامٍ ثُمَّ ٱسْتَوَىٰ عَلَى ٱلْعَرْشِ يُغْشِى ٱلَّيْلَ ٱلنَّهَارَ يَطْلُبُهُۥ حَثِيثًا
وَٱلشَّمْسَ وَٱلْقَمَرَ وَٱلنُّجُومَ مُسَخَّرَٰتٍۭ بِأَمْرِهِۦٓ ۗ أَلَا لَهُ ٱلْخَلْقُ
وَٱلْأَمْرُ ۗ تَبَارَكَ ٱللَّهُ رَبُّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿54﴾ ٱدْعُوا۟ رَبَّكُمْ تَضَرُّعًا
وَخُفْيَةً ۚ إِنَّهُۥ لَا يُحِبُّ ٱلْمُعْتَدِينَ ﴿55﴾ وَلَا تُفْسِدُوا۟ فِى
ٱلْأَرْضِ بَعْدَ إِصْلَٰحِهَا وَٱدْعُوهُ خَوْفًا وَطَمَعًا ۚ إِنَّ رَحْمَتَ
ٱللَّهِ قَرِيبٌ مِّنَ ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿56﴾ وَهُوَ ٱلَّذِى يُرْسِلُ
ٱلرِّيَٰحَ بُشْرًۢا بَيْنَ يَدَىْ رَحْمَتِهِۦ ۖ حَتَّىٰٓ إِذَآ أَقَلَّتْ سَحَابًا
ثِقَالًا سُقْنَٰهُ لِبَلَدٍ مَّيِّتٍ فَأَنزَلْنَا بِهِ ٱلْمَآءَ فَأَخْرَجْنَا بِهِۦ مِن كُلِّ
ٱلثَّمَرَٰتِ ۚ كَذَٰلِكَ نُخْرِجُ ٱلْمَوْتَىٰ لَعَلَّكُمْ تَذَكَّرُونَ ﴿57﴾

52. Tassew ġibnielhom *(lil nies Mekka)* Ktieb, u fissirnieh bl-għarfien: tmexxija tajba u ħniena *(minn Alla)* għal nies li jemmnu.

53. Jaqaw qegħdin jistennew biss li jseħħ? Dakinhar li jseħħ *(f'Jum il-Ħaqq)*, dawk li qabel kienu nsewh, jgħidu: "Il-Mibgħutin ta' Sidna ġew bis-sewwa. Tgħid għandna min jidħol u jaqbeż għalina, jew *(inkella)* nintbagħtu *(lura fid-dinja)*, u nagħmlu dak *(it-tajjeb)* li ma konniex nagħmlu *(f'ħajjitna)*?" Huma tilfu lilhom infushom, u telaqhom dak il-gideb *(kollu dwar l-allat u dwar l-idoli)* li kienu jaqilgħu *(u sfaw waħidhom, mingħajr għajnuna)*.

54. Tabilħaqq li Sidkom huwa Alla li ħalaq is-smewwiet u l-art f'sitt ijiem, imbagħad intasab fuq it-Tron. Huwa jgħatti n-nhar bil-lejl, u *(kull wieħed minnhom it-tnejn)* jiġri bil-ħeffa wara l-ieħor. *(Huwa ħalaq)* ix-xemx, il-qamar, u l-kwiekeb *(u għamilhom)* joqogħdu għall-amar tiegħu. Tiegħu l-ħolqien u l-amar. Jitbierek Alla Sid il-ħolqien!

55. Sejħu *(ja bnedmin)* lil Sidkom b'umiltà u fis-satra. Huwa ma jħobbx lil dawk li jiksru l-liġi.

56. La tagħmlux ħsara fuq l-art wara li ssewwiet, u sejħulu bil-biża' u bit-tama. Tabilħaqq li l-ħniena ta' Alla qrib dawk li jagħmlu t-tajjeb.

57. Huwa li jibgħat l-irjieħ bi bxara quddiem il-ħniena tiegħu *(li hija x-xita)*, hekk li meta *(l-irjieħ)* jerfgħu sħab tqil *(bl-ilma)*, insuquh lejn art mejta u nniżżlu fuqha l-ilma, u noħorġu bih mill-frott kollu. Hekk ukoll noħorġu l-mejtin *(għall-ħajja)*, biex forsi tiftakru.

وَالْبَلَدُ الطَّيِّبُ يَخْرُجُ نَبَاتُهُۥ بِإِذْنِ رَبِّهِۦ ۖ وَالَّذِى خَبُثَ لَا يَخْرُجُ
إِلَّا نَكِدًا ۚ كَذَٰلِكَ نُصَرِّفُ الْآيَٰتِ لِقَوْمٍ يَشْكُرُونَ ﴿58﴾
لَقَدْ أَرْسَلْنَا نُوحًا إِلَىٰ قَوْمِهِۦ فَقَالَ يَٰقَوْمِ اعْبُدُوا اللَّهَ مَا لَكُم
مِّنْ إِلَٰهٍ غَيْرُهُۥ ۖ إِنِّىٓ أَخَافُ عَلَيْكُمْ عَذَابَ يَوْمٍ عَظِيمٍ ﴿59﴾
قَالَ الْمَلَأُ مِن قَوْمِهِۦٓ إِنَّا لَنَرَىٰكَ فِى ضَلَٰلٍ مُّبِينٍ ﴿60﴾ قَالَ
يَٰقَوْمِ لَيْسَ بِى ضَلَٰلَةٌ وَلَٰكِنِّى رَسُولٌ مِّن رَّبِّ الْعَٰلَمِينَ
﴿61﴾ أُبَلِّغُكُمْ رِسَٰلَٰتِ رَبِّى وَأَنصَحُ لَكُمْ وَأَعْلَمُ مِنَ اللَّهِ
مَا لَا تَعْلَمُونَ ﴿62﴾ أَوَعَجِبْتُمْ أَن جَآءَكُمْ ذِكْرٌ مِّن رَّبِّكُمْ عَلَىٰ
رَجُلٍ مِّنكُمْ لِيُنذِرَكُمْ وَلِتَتَّقُوا۟ وَلَعَلَّكُمْ تُرْحَمُونَ ﴿63﴾ فَكَذَّبُوهُ
فَأَنجَيْنَٰهُ وَالَّذِينَ مَعَهُۥ فِى الْفُلْكِ وَأَغْرَقْنَا الَّذِينَ كَذَّبُوا۟
بِـَٔايَٰتِنَا ۚ إِنَّهُمْ كَانُوا۟ قَوْمًا عَمِينَ ﴿64﴾ ۞ وَإِلَىٰ عَادٍ أَخَاهُمْ
هُودًا ۚ قَالَ يَٰقَوْمِ اعْبُدُوا اللَّهَ مَا لَكُم مِّنْ إِلَٰهٍ غَيْرُهُۥ ۚ أَفَلَا تَتَّقُونَ
﴿65﴾ قَالَ الْمَلَأُ الَّذِينَ كَفَرُوا۟ مِن قَوْمِهِۦٓ إِنَّا لَنَرَىٰكَ فِى
سَفَاهَةٍ وَإِنَّا لَنَظُنُّكَ مِنَ الْكَٰذِبِينَ ﴿66﴾ قَالَ يَٰقَوْمِ
لَيْسَ بِى سَفَاهَةٌ وَلَٰكِنِّى رَسُولٌ مِّن رَّبِّ الْعَٰلَمِينَ ﴿67﴾

ثلاثة أرباع
الحزب
16

58. U l-art tajba tohroġ il-ħxejjex tagħha, bir-rieda ta' Sidha, iżda *(l-art)* ħażina ma tohroġx *(il-ħxejjex)* għajr b'xeħħa. Hekk infissru s-sinjali *(tagħna)* lil nies li jiżżu ħajr.

59. Aħna tabilħaqq bgħatna lil Noè għand niesu u qal*(ilhom)*: "Ja niesi, qimu lil Alla! Ma għandkomx alla ieħor għajru. Jiena nibża' li *(jekk se tibqgħu tqimu l-idoli)* se jkollkom il-kastig ta' Jum kbir."

60. Il-kbarat ta' niesu qalu: "Aħna tabilħaqq qegħdin narawk f'telfien mill-aktar ċar."

61. Qal*(ilhom Noè)*: "Ja niesi, ma ninsab f'ebda telfien, iżda jiena l-Mibgħut minn Sid il-ħolqien.

62. Jiena nwasslilkom il-messaġġi ta' Sidi *(għall-ġid tagħkom)*, nagħtikom pariri, u naf minn Alla dak li intom ma tafux.

63. Jew qegħdin tistagħġbu li ġietkom tifkira minn Sidkom ma' raġel minn fostkom, biex iwissikom u jkollkom il-biża' ta' Alla, u forsi tintwera ħniena magħkom?"

64. Iżda huma giddbuh, u Aħna ħlisna *(mid-dilluvju)* lilu u lil ta' miegħu, fl-arka, u għerriqna lil dawk li giddbu s-sinjali tagħna. Huma kienu tabilħaqq nies għomja *(f'qalbhom u f'moħħhom)*.

65. U *(bgħatna)* għand *(in-nies ta')* Għad[43] lil ħuhom Hūd *(bħala Profeta)*. Qal*(ilhom)*: "Ja niesi, qimu lil Alla! Ma għandkomx alla ieħor għajru. Mela ma tibżgħux *(minnu)*?"

66. Il-kbarat ta' dawk li m'emmnux fost niesu qalu: "Aħna tabilħaqq qegħdin narawk fil-bluha, u tassew naħsbu li inti mill-giddibin."

67. Qal*(ilhom)*: "Ja niesi, ma hemm ebda bluha fija, iżda jiena Mibgħut minn Sid il-ħolqien.

---

[43] Aktarx li t-tribù ta' Għād kien jgħammar fin-nofsinhar tal-peniżola Għarbija, fl-inħawi tal-Jemen, u kien magħmul minn nies twal ħafna.

أُبَلِّغُكُمْ رِسَٰلَٰتِ رَبِّى وَأَنَا۠ لَكُمْ نَاصِحٌ أَمِينٌ ﴿68﴾ أَوَعَجِبْتُمْ
أَن جَآءَكُمْ ذِكْرٌ مِّن رَّبِّكُمْ عَلَىٰ رَجُلٍ مِّنكُمْ لِيُنذِرَكُمْ ۚ
وَٱذْكُرُوٓا۟ إِذْ جَعَلَكُمْ خُلَفَآءَ مِنۢ بَعْدِ قَوْمِ نُوحٍ وَزَادَكُمْ
فِى ٱلْخَلْقِ بَصْۜطَةً ۖ فَٱذْكُرُوٓا۟ ءَالَآءَ ٱللَّهِ لَعَلَّكُمْ تُفْلِحُونَ
﴿69﴾ قَالُوٓا۟ أَجِئْتَنَا لِنَعْبُدَ ٱللَّهَ وَحْدَهُۥ وَنَذَرَ مَا كَانَ
يَعْبُدُ ءَابَآؤُنَا ۖ فَأْتِنَا بِمَا تَعِدُنَآ إِن كُنتَ مِنَ ٱلصَّٰدِقِينَ
﴿70﴾ قَالَ قَدْ وَقَعَ عَلَيْكُم مِّن رَّبِّكُمْ رِجْسٌ وَغَضَبٌ ۖ
أَتُجَٰدِلُونَنِى فِىٓ أَسْمَآءٍ سَمَّيْتُمُوهَآ أَنتُمْ وَءَابَآؤُكُم
مَّا نَزَّلَ ٱللَّهُ بِهَا مِن سُلْطَٰنٍ ۚ فَٱنتَظِرُوٓا۟ إِنِّى مَعَكُم مِّنَ
ٱلْمُنتَظِرِينَ ﴿71﴾ فَأَنجَيْنَٰهُ وَٱلَّذِينَ مَعَهُۥ بِرَحْمَةٍ مِّنَّا
وَقَطَعْنَا دَابِرَ ٱلَّذِينَ كَذَّبُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَا ۖ وَمَا كَانُوا۟ مُؤْمِنِينَ
﴿72﴾ وَإِلَىٰ ثَمُودَ أَخَاهُمْ صَٰلِحًا ۘ قَالَ يَٰقَوْمِ ٱعْبُدُوا۟ ٱللَّهَ
مَا لَكُم مِّنْ إِلَٰهٍ غَيْرُهُۥ ۖ قَدْ جَآءَتْكُم بَيِّنَةٌ مِّن
رَّبِّكُمْ ۖ هَٰذِهِۦ نَاقَةُ ٱللَّهِ لَكُمْ ءَايَةً ۖ فَذَرُوهَا تَأْكُلْ
فِىٓ أَرْضِ ٱللَّهِ ۖ وَلَا تَمَسُّوهَا بِسُوٓءٍ فَيَأْخُذَكُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿73﴾

68. Jiena nwasslilkom il-messaġġi ta' Sidi, u jiena magħkom bniedem sinċier li jifthilkom għajnejkom.

69. Jew qegħdin tistagħġbu li ġietkom tifkira minn Sidkom ma' raġel minn fostkom, biex iwissikom? U ftakru meta għamilkom werrieta wara nies Noè, u żiedkom fil-kobor u l-qawwa ta' ġisimkom. Ftakru fil-grazzji ta' Alla, biex forsi tkunu rebbiħin."

70. Qalu*(lu)*: "Jaqaw ġejtna biex inqimu lil Alla, waħdu, u nħallu dak li kienu jqimu missirijietna? Ġibilna dak *(il-kastig)* li qiegħed twegħedna *(u theddidna bih)*, jekk inti minn dawk li jgħidu s-sewwa."

71. Qal *(Hūd lil niesu)*: "Tassew niżlu fuqkom, mingħand Sidkom, kastig u għadab. Jaqaw qegħdin thaqquha miegħi dwar ismijiet *(ta' allat)* li semmejtu – intom u missirijietkom – mingħajr ma Alla niżżel *(ebda)* prova dwarhom? Mela stennew *(il-kastig)*! Jiena tassew qiegħed nistenna magħkom."

72. U ħlisna lilu u lil ta' miegħu, bil-ħniena tagħna, u qtajna *(u xejjinna)* dak li baqa' minn dawk li giddbu s-sinjali tagħna u ma kinux jemmnu.

73. U *(bgħatna)* għand *(in-nies ta')* Ṯamūd[44] lil ħuhom Ṣāliħ *(bħala Profeta)*. Qal*(ilhom)*: "Ja niesi, qimu lil Alla! Ma għandkomx alla ieħor għajru. Tassew waslilkom sinjal ċar minn Sidkom. Din il-ġemla ta' Alla hija sinjal għalikom. Mela ħalluha tiekol f'art Alla, u la tagħmlulhiex deni, għaliex inkella jiġi fuqkom kastig ta' wġigħ.

[44] Ṯamūd kien tribù Għarbi li għammar fit-tramuntana tal-peniżola Għarbija, fl-inħawi ta' 'al-Ħiġr. Huwa kien imnissel mill-kuġini minnaha taz-zijiet paterni tat-tribù ta' Għād, u kien laħaq livell għoli ta' ċiviltà materjali.

وَاذْكُرُوٓا۟ إِذْ جَعَلَكُمْ خُلَفَآءَ مِنۢ بَعْدِ عَادٍ وَبَوَّأَكُمْ
فِى ٱلْأَرْضِ تَتَّخِذُونَ مِن سُهُولِهَا قُصُورًا وَتَنْحِتُونَ
ٱلْجِبَالَ بُيُوتًا ۖ فَٱذْكُرُوٓا۟ ءَالَآءَ ٱللَّهِ وَلَا تَعْثَوْا۟ فِى ٱلْأَرْضِ
مُفْسِدِينَ ﴿74﴾ قَالَ ٱلْمَلَأُ ٱلَّذِينَ ٱسْتَكْبَرُوا۟ مِن
قَوْمِهِۦ لِلَّذِينَ ٱسْتُضْعِفُوا۟ لِمَنْ ءَامَنَ مِنْهُمْ أَتَعْلَمُونَ
أَنَّ صَٰلِحًا مُّرْسَلٌ مِّن رَّبِّهِۦ ۚ قَالُوٓا۟ إِنَّا بِمَآ أُرْسِلَ بِهِۦ
مُؤْمِنُونَ ﴿75﴾ قَالَ ٱلَّذِينَ ٱسْتَكْبَرُوٓا۟ إِنَّا بِٱلَّذِىٓ
ءَامَنتُم بِهِۦ كَٰفِرُونَ ﴿76﴾ فَعَقَرُوا۟ ٱلنَّاقَةَ وَعَتَوْا۟ عَنْ
أَمْرِ رَبِّهِمْ وَقَالُوا۟ يَٰصَٰلِحُ ٱئْتِنَا بِمَا تَعِدُنَآ إِن كُنتَ مِنَ
ٱلْمُرْسَلِينَ ﴿77﴾ فَأَخَذَتْهُمُ ٱلرَّجْفَةُ فَأَصْبَحُوا۟ فِى دَارِهِمْ
جَٰثِمِينَ ﴿78﴾ فَتَوَلَّىٰ عَنْهُمْ وَقَالَ يَٰقَوْمِ لَقَدْ أَبْلَغْتُكُمْ
رِسَالَةَ رَبِّى وَنَصَحْتُ لَكُمْ وَلَٰكِن لَّا تُحِبُّونَ ٱلنَّٰصِحِينَ
﴿79﴾ وَلُوطًا إِذْ قَالَ لِقَوْمِهِۦٓ أَتَأْتُونَ ٱلْفَٰحِشَةَ مَا سَبَقَكُم
بِهَا مِنْ أَحَدٍ مِّنَ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿80﴾ إِنَّكُمْ لَتَأْتُونَ ٱلرِّجَالَ
شَهْوَةً مِّن دُونِ ٱلنِّسَآءِ ۚ بَلْ أَنتُمْ قَوْمٌ مُّسْرِفُونَ ﴿81﴾

74. U ftakru meta għamilkom werrieta wara l-ġens ta' Għād, u takom għamara fuq l-art *(ta' 'al-Ħiġr)* biex tibnu palazzi fil-wiċat tagħha, u tħaffru djar fl-iġbla. U ftakru *(ukoll)* fil-grazzji ta' Alla *(li ħadtu)* u tagħmlux ħażen fuq l-art bil-ħsara tagħkom."

75. Il-kbarat ta' dawk li tkabbru fost niesu qalu *(b'sarkażmu)* lil dawk meqjusa dgħajfa, *(jiġifieri)* dawk fosthom li emmnu: "Tafu li Ṣāliħ huwa Mibgħut minn Sidu?" Huma qalu*(lhom)*: "Aħna tabilħaqq nemmnu f'dak li ntbagħat bih."

76. Dawk li tkabbru qalu: "Aħna ma nemmnux f'dak li temmnu intom!"

77. Għalhekk qatlu l-ġemla u kisru l-amar ta' Alla filwaqt li qalu: "Ja Ṣāliħ, ġibilna dak *(il-kastig)* li qiegħed twegħedna *(u theddidna bih)*, jekk inti *(wieħed)* mill-Mibgħutin!"

78. U ħadhom it-tregħid ta' l-art, u mas-sebħ kienu mixħutin fl-art *(għal mejta)* fi djarhom.

79. Għalhekk *(Ṣāliħ)* tahom dahru, filwaqt li qal*(ilhom)*: "Ja nieśi, wassaltilkom il-messaġġ ta' Sidi, u ftaħtilkom għajnejkom. Iżda intom ma tħobbux min jiftħilkom għajnejkom."

80. U *(bgħatna wkoll)* lil Lot u qal lil niesu *(f'Sodoma)*: "Jaqaw tagħmlu għemejjel faħxija *(ta' omosesswalità)* li ħadd qabilkom fil-ħolqien ma għamel?

81. Intom tersqu lejn l-irġiel bix-xewqa tal-ġisem, flok lejn in-nisa. Intom tassew nies bla raġan!"

وَمَا كَانَ جَوَابَ قَوْمِهِۦٓ إِلَّآ أَن قَالُوٓا۟ أَخْرِجُوهُم مِّن
قَرْيَتِكُمْ ۖ إِنَّهُمْ أُنَاسٌ يَتَطَهَّرُونَ ﴿82﴾ فَأَنجَيْنَٰهُ وَأَهْلَهُۥٓ
إِلَّا ٱمْرَأَتَهُۥ كَانَتْ مِنَ ٱلْغَٰبِرِينَ ﴿83﴾ وَأَمْطَرْنَا عَلَيْهِم
مَّطَرًا ۖ فَٱنظُرْ كَيْفَ كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلْمُجْرِمِينَ ﴿84﴾
وَإِلَىٰ مَدْيَنَ أَخَاهُمْ شُعَيْبًا ۗ قَالَ يَٰقَوْمِ ٱعْبُدُوا۟ ٱللَّهَ
مَا لَكُم مِّنْ إِلَٰهٍ غَيْرُهُۥ ۖ قَدْ جَآءَتْكُم بَيِّنَةٌ مِّن
رَّبِّكُمْ ۖ فَأَوْفُوا۟ ٱلْكَيْلَ وَٱلْمِيزَانَ وَلَا تَبْخَسُوا۟
ٱلنَّاسَ أَشْيَآءَهُمْ وَلَا تُفْسِدُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ بَعْدَ
إِصْلَٰحِهَا ۚ ذَٰلِكُمْ خَيْرٌ لَّكُمْ إِن كُنتُم مُّؤْمِنِينَ
﴿85﴾ وَلَا تَقْعُدُوا۟ بِكُلِّ صِرَٰطٍ تُوعِدُونَ وَتَصُدُّونَ
عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ مَنْ ءَامَنَ بِهِۦ وَتَبْغُونَهَا عِوَجًا ۚ
وَٱذْكُرُوٓا۟ إِذْ كُنتُمْ قَلِيلًا فَكَثَّرَكُمْ ۖ وَٱنظُرُوا۟
كَيْفَ كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلْمُفْسِدِينَ ﴿86﴾ وَإِن كَانَ طَآئِفَةٌ
مِّنكُمْ ءَامَنُوا۟ بِٱلَّذِىٓ أُرْسِلْتُ بِهِۦ وَطَآئِفَةٌ لَّمْ يُؤْمِنُوا۟
فَٱصْبِرُوا۟ حَتَّىٰ يَحْكُمَ ٱللَّهُ بَيْنَنَا ۚ وَهُوَ خَيْرُ ٱلْحَٰكِمِينَ ﴿87﴾

82. U t-tweġiba ta' niesu ma kinitx ħlief li qalu: "Oħorġuhom *(lil Lot u lil sħabu)* mill-belt tagħkom! Dawk tabilħaqq nies li jżommu s-safa, *(mhux bħalna)*."

83. U ħlisna lilu u lil niesu, ħlief lil martu, li kienet minn dawk li nqerdu.

84. U bgħatna fuqhom xita *(ta' ġebel tafli)*. U ara kif kien tmiem il-ħatjin.

85. U *(bgħatna)* għand *(in-nies ta')* Madjan[45] lil ħuhom Xugħajb. Qal*(ilhom)*: "Ja niesi, qimu lil Alla! Ma għandkomx alla ieħor għajru. Tassew waslilkom sinjal ċar minn Sidkom. Mela agħtu l-kejl u l-użin mistħoqq, u la ċċaħħdux lin-nies minn dak li hu tagħhom, u lanqas tagħmlu ħsara fuq l-art wara li ssewwiet. Dak huwa aħjar għalikom, jekk intom temmnu.

86. U la toqogħdux f'kull triq, theddu *(lil min ikun ġej biex jismagħni)*, u żżommu mit-triq ta' Alla lil min jemmen fih, u tixtiquha *(tkun triq)* mgħawġa. U ftakru meta kontu ftit, u mbagħad kattarkom. Araw kif kien it-tmiem ta' nies il-ħsara.

87. U jekk hemm ġemgħa minnkom li temmen f'dak li jiena ntbagħatt bih, u ġemgħa *(oħra)* li ma temminx, mela stabru sa ma Alla jagħmel ħaqq minna. Huwa l-Aħjar li jagħmel ħaqq."

---

[45] Nies Madjan, jew Midjan, kienu mnissla minn wieħed minn ulied Abraham (s.f.). Aktarx li dawn in-nies kienu jgħammru f'masġar fin-nofsinhar tal-Palestina, qrib Maghān.

الجزء 9 الحزب 17

۞ قَالَ ٱلْمَلَأُ ٱلَّذِينَ ٱسْتَكْبَرُوا۟ مِن قَوْمِهِۦ لَنُخْرِجَنَّكَ يَٰشُعَيْبُ
وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ مَعَكَ مِن قَرْيَتِنَآ أَوْ لَتَعُودُنَّ فِى مِلَّتِنَا ۚ قَالَ أَوَلَوْ
كُنَّا كَٰرِهِينَ ﴿88﴾ قَدِ ٱفْتَرَيْنَا عَلَى ٱللَّهِ كَذِبًا إِنْ عُدْنَا فِى مِلَّتِكُم
بَعْدَ إِذْ نَجَّىٰنَا ٱللَّهُ مِنْهَا ۚ وَمَا يَكُونُ لَنَآ أَن نَّعُودَ فِيهَآ إِلَّآ أَن يَشَآءَ
ٱللَّهُ رَبُّنَا ۚ وَسِعَ رَبُّنَا كُلَّ شَىْءٍ عِلْمًا ۗ عَلَى ٱللَّهِ تَوَكَّلْنَا ۚ رَبَّنَا ٱفْتَحْ
بَيْنَنَا وَبَيْنَ قَوْمِنَا بِٱلْحَقِّ وَأَنتَ خَيْرُ ٱلْفَٰتِحِينَ ﴿89﴾ وَقَالَ ٱلْمَلَأُ
ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ مِن قَوْمِهِۦ لَئِنِ ٱتَّبَعْتُمْ شُعَيْبًا إِنَّكُمْ إِذًا لَّخَٰسِرُونَ
﴿90﴾ فَأَخَذَتْهُمُ ٱلرَّجْفَةُ فَأَصْبَحُوا۟ فِى دَارِهِمْ جَٰثِمِينَ ﴿91﴾
ٱلَّذِينَ كَذَّبُوا۟ شُعَيْبًا كَأَن لَّمْ يَغْنَوْا۟ فِيهَا ۚ ٱلَّذِينَ كَذَّبُوا۟ شُعَيْبًا
كَانُوا۟ هُمُ ٱلْخَٰسِرِينَ ﴿92﴾ فَتَوَلَّىٰ عَنْهُمْ وَقَالَ يَٰقَوْمِ لَقَدْ
أَبْلَغْتُكُمْ رِسَٰلَٰتِ رَبِّى وَنَصَحْتُ لَكُمْ ۖ فَكَيْفَ ءَاسَىٰ
عَلَىٰ قَوْمٍ كَٰفِرِينَ ﴿93﴾ وَمَآ أَرْسَلْنَا فِى قَرْيَةٍ مِّن نَّبِىٍّ إِلَّآ
أَخَذْنَآ أَهْلَهَا بِٱلْبَأْسَآءِ وَٱلضَّرَّآءِ لَعَلَّهُمْ يَضَّرَّعُونَ ﴿94﴾ ثُمَّ
بَدَّلْنَا مَكَانَ ٱلسَّيِّئَةِ ٱلْحَسَنَةَ حَتَّىٰ عَفَوا۟ وَّقَالُوا۟ قَدْ مَسَّ
ءَابَآءَنَا ٱلضَّرَّآءُ وَٱلسَّرَّآءُ فَأَخَذْنَٰهُم بَغْتَةً وَهُمْ لَا يَشْعُرُونَ ﴿95﴾

88. Il-kbarat ta' niesu, li tkabbru *(u ċaħdu t-twemmin f'Alla)*, qalu: "Tassew li noħorġuk, ja Xugħajb, u lil dawk miegħek li jemmnu, mill-belt tagħna; inkella erġgħu lura għat-twemmin tagħna." Huwa qal: "Anki jekk aħna nistmerru *(dan)*?

89. Inkunu qegħdin naqilgħu gideb kontra Alla, kieku nerġgħu lura għal twemminkom, wara li Alla ħelisna minnu. Ma jixirqilniex li nerġgħu lura għalih, ħlief jekk Alla Sidna jkun irid *(dan iseħħ)*. Sidna jesa' l-għarfien ta' kollox. F'idejn Alla ħallejna. Sidna, agħmel ħaqq bejnna u bejn niesna bis-sewwa. Inti l-Aħjar fost dawk li jagħmlu ħaqq."

90. Il-kbarat ta' niesu, li m'emmnux, qalu: "Jekk timxu wara Xugħajb, mela intom tkunu t-tellifin."

91. U t-tregħid ta' l-art ħadhom, u mas-sebħ kienu mixħutin fl-art *(għal mejta)* fi djarhom,

92. dawk li giddbu lil Xugħajb, bħallikieku qatt ma għexu fihom. Dawk li giddbu lil Xugħajb, kienu huma t-tellifin!

93. U *(Xugħajb)* taħom dahru u qal: "Ja niesi, jiena wassaltilkom il-messaġġi ta' Sidi, u ftaħtilkom għajnejkom. Iżda għaliex għandi nitnikket għal nies li ma jemmnux?"

94. Qatt ma bgħatna f'belt lil ebda Profeta *(li mbagħad kien miċħud)* mingħajr ma ħadna lil niesha bit-taħbit u l-ħsara biex forsi jiċċekknu *(kollhom umiltà u jindmu)*.

95. Imbagħad biddilnie*(lhom)* id-deni *(li kienu fih)* f'ġid, sa ma kibru fl-għadd u ssaħħu, u qalu: "Lil missirijietna *(ukoll)* missuhom l-hemm u l-hena." Għalhekk ħadniehom għal għarrieda meta ma kinux qegħdin jintebħu *(bil-ħsara li ġiet fuqhom)*.

وَلَوْ أَنَّ أَهْلَ ٱلْقُرَىٰٓ ءَامَنُوا۟ وَٱتَّقَوْا۟ لَفَتَحْنَا عَلَيْهِم بَرَكَٰتٍ
مِّنَ ٱلسَّمَآءِ وَٱلْأَرْضِ وَلَٰكِن كَذَّبُوا۟ فَأَخَذْنَٰهُم بِمَا كَانُوا۟
يَكْسِبُونَ ﴿96﴾ أَفَأَمِنَ أَهْلُ ٱلْقُرَىٰٓ أَن يَأْتِيَهُم بَأْسُنَا بَيَٰتًا
وَهُمْ نَآئِمُونَ ﴿97﴾ أَوَأَمِنَ أَهْلُ ٱلْقُرَىٰٓ أَن يَأْتِيَهُم بَأْسُنَا
ضُحًى وَهُمْ يَلْعَبُونَ ﴿98﴾ أَفَأَمِنُوا۟ مَكْرَ ٱللَّهِ ۚ فَلَا يَأْمَنُ
مَكْرَ ٱللَّهِ إِلَّا ٱلْقَوْمُ ٱلْخَٰسِرُونَ ﴿99﴾ أَوَلَمْ يَهْدِ لِلَّذِينَ
يَرِثُونَ ٱلْأَرْضَ مِنۢ بَعْدِ أَهْلِهَآ أَن لَّوْ نَشَآءُ أَصَبْنَٰهُم
بِذُنُوبِهِمْ ۚ وَنَطْبَعُ عَلَىٰ قُلُوبِهِمْ فَهُمْ لَا يَسْمَعُونَ ﴿100﴾
تِلْكَ ٱلْقُرَىٰ نَقُصُّ عَلَيْكَ مِنْ أَنۢبَآئِهَا ۚ وَلَقَدْ جَآءَتْهُمْ رُسُلُهُم
بِٱلْبَيِّنَٰتِ فَمَا كَانُوا۟ لِيُؤْمِنُوا۟ بِمَا كَذَّبُوا۟ مِن قَبْلُ ۚ
كَذَٰلِكَ يَطْبَعُ ٱللَّهُ عَلَىٰ قُلُوبِ ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿101﴾ وَمَا وَجَدْنَا
لِأَكْثَرِهِم مِّنْ عَهْدٍ ۖ وَإِن وَجَدْنَآ أَكْثَرَهُمْ لَفَٰسِقِينَ
﴿102﴾ ثُمَّ بَعَثْنَا مِنۢ بَعْدِهِم مُّوسَىٰ بِـَٔايَٰتِنَآ إِلَىٰ فِرْعَوْنَ وَمَلَإِيْهِۦ
فَظَلَمُوا۟ بِهَا ۖ فَٱنظُرْ كَيْفَ كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلْمُفْسِدِينَ ﴿103﴾
وَقَالَ مُوسَىٰ يَٰفِرْعَوْنُ إِنِّى رَسُولٌ مِّن رَّبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿104﴾

96. Li kieku nies l-ibliet emmnu u beżgħu minn Alla, konna nifthu fuqhom barkiet mis-sema u l-art. Iżda huma giddbu *(is-sinjali li waslu lilhom u lill-Mibgħutin)*, u ħadniehom minħabba *(il-ħażen)* li kienu qegħdin jiksbu *(b'għemilhom)*.

97. Jaqaw nies l-ibliet iserrħu rashom li l-qilla tagħna ma hijiex se tiġihom *(għal għarrieda)* billejl, waqt li huma reqdin?

98. Jew nies l-ibliet serrħu rashom li l-qilla tagħna ma hijiex se tiġihom *(għal għarrieda)* binhar, waqt li jkunu jilagħbu *(u jaħlu ħinhom fil-frugħat)*?

99. Jaqaw serrħu rashom mill-pjan sigriet ta' Alla *(imħejji għalihom)*? Ma jserrħux rashom mill-pjan sigriet ta' Alla ħlief it-tellifin.

100. Ma kinitx *(biżżejjed it-tagħlima)* għal dawk li wirtu l-art wara niesha *(li għexu qabilhom u nqerdu)* li, kieku ridna, stajna nolqtuhom *(bil-kastig tagħna)* minħabba fi dnubiethom, u konna nqiegħdu siġill fuq qlubhom biex ma jisimgħux *(u ma jkunux jistgħu jifhmu t-twissija)*?

101. Dawk huma *(Muħammad)* l-ibliet li qegħdin nagħtuk aħbarhom. Il-Mibgħutin tagħhom ġewhom bis-sinjali ċ-ċari *(dwar is-setgħa ta' Alla)*, iżda ma ridux jemmnu f'dak li giddbu qabel. Hekk iqiegħed Alla siġill fuq qlub dawk li ma jemmnux.

102. U ma sibniex lil ħafna minnhom iħarsu r-rabta *(tagħhom ma' Alla)*, u sibna li ħafna minnhom ħżiena.

103. Imbagħad bgħatna, warajhom, lil Mosè bis-sinjali tagħna għand il-Fargħun u l-kbarat tiegħu, u ċaħduhom. Issa ara kif kien it-tmiem ta' nies il-ħsara.

104. Mosè qal: "Ja Fargħun, jiena Mibgħut minn Sid il-ħolqien.

حَقِيقٌ عَلَىٰٓ أَن لَّآ أَقُولَ عَلَى ٱللَّهِ إِلَّا ٱلْحَقَّ ۚ قَدْ جِئْتُكُم
بِبَيِّنَةٍ مِّن رَّبِّكُمْ فَأَرْسِلْ مَعِىَ بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ ﴿105﴾ قَالَ إِن كُنتَ
جِئْتَ بِـَٔايَةٍ فَأْتِ بِهَآ إِن كُنتَ مِنَ ٱلصَّـٰدِقِينَ ﴿106﴾ فَأَلْقَىٰ
عَصَاهُ فَإِذَا هِىَ ثُعْبَانٌ مُّبِينٌ ﴿107﴾ وَنَزَعَ يَدَهُۥ فَإِذَا هِىَ بَيْضَآءُ
لِلنَّـٰظِرِينَ ﴿108﴾ قَالَ ٱلْمَلَأُ مِن قَوْمِ فِرْعَوْنَ إِنَّ هَـٰذَا لَسَـٰحِرٌ
عَلِيمٌ ﴿109﴾ يُرِيدُ أَن يُخْرِجَكُم مِّنْ أَرْضِكُمْ ۖ فَمَاذَا تَأْمُرُونَ ﴿110﴾
قَالُوٓا۟ أَرْجِهْ وَأَخَاهُ وَأَرْسِلْ فِى ٱلْمَدَآئِنِ حَـٰشِرِينَ ﴿111﴾ يَأْتُوكَ
بِكُلِّ سَحَّارٍ عَلِيمٍ ﴿112﴾ وَجَآءَ ٱلسَّحَرَةُ فِرْعَوْنَ قَالُوٓا۟ إِنَّ
لَنَا لَأَجْرًا إِن كُنَّا نَحْنُ ٱلْغَـٰلِبِينَ ﴿113﴾ قَالَ نَعَمْ وَإِنَّكُمْ
لَمِنَ ٱلْمُقَرَّبِينَ ﴿114﴾ قَالُوا۟ يَـٰمُوسَىٰٓ إِمَّآ أَن تُلْقِىَ وَإِمَّآ أَن
نَّكُونَ نَحْنُ ٱلْمُلْقِينَ ﴿115﴾ قَالَ أَلْقُوا۟ ۖ فَلَمَّآ أَلْقَوْا۟ سَحَرُوٓا۟
أَعْيُنَ ٱلنَّاسِ وَٱسْتَرْهَبُوهُمْ وَجَآءُو بِسِحْرٍ عَظِيمٍ ﴿116﴾
۞ وَأَوْحَيْنَآ إِلَىٰ مُوسَىٰٓ أَنْ أَلْقِ عَصَاكَ ۖ فَإِذَا هِىَ تَلْقَفُ مَا
يَأْفِكُونَ ﴿117﴾ فَوَقَعَ ٱلْحَقُّ وَبَطَلَ مَا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ ﴿118﴾ فَغُلِبُوا۟
هُنَالِكَ وَٱنقَلَبُوا۟ صَـٰغِرِينَ ﴿119﴾ وَأُلْقِىَ ٱلسَّحَرَةُ سَـٰجِدِينَ ﴿120﴾

ربع الحزب 17

105. Huwa dmiri li ma ngħidx dwar Alla għajr is-sewwa. Jiena ġibtilkom sinjal ċar minn Sidkom *(li juri li qiegħed ngħid is-sewwa)*. Mela ibgħat miegħi lil Ulied Israel!"
106. Qal *(il-Fargħun)*: "Jekk tassew ġejt b'sinjal, mela ġibu *(ħa narawh)*, jekk qiegħed tgħid is-sewwa!"
107. Huwa *(Mosè)* xeħet il-ħatar tiegħu *(fl-art)* u ara, *(sar)* serp fid-dieher.
108. U *(Mosè)* ħareġ idu, u ara, *(dehret)* bajda *(u kollha dija)* għal dawk li kienu jħarsu *(lejha)*.
109. Il-kbarat ta' nies il-Fargħun qalu: "Dan tassew saħħar jilħaqlu.
110. Huwa jrid joħroġkom *(bis-seħer tiegħu)* minn artkom. Mela x'inhu l-amar tagħkom?"
111. Qalu *(lill-Fargħun)*: "Żomm lilu u lil ħuh *(għal xi żmien)*, u ibgħat fl-ibliet nies li jiġbru*(lek is-sħaħar)*,
112. iġibulek kull saħħar għaref."
113. U s-sħaħar ġew għand il-Fargħun u qalu: "Tabilħaqq se jkollna l-ħlas, jekk aħna nkunu r-rebbiħin?"
114. Qal*(ilhom)*: "Iva, u tkunu minn dawk qrib *(tiegħi wkoll)*."
115. Qalu: "Ja Mosè, jew tixħet *(il-ħatar inti l-ewwel)*, jew inkella nixħtu aħna."
116. Qal*(ilhom)*: "Ixħtu intom!" U meta xeħtu *(l-oħtra u l-ħbula tagħhom)*, saħħru għajnejn in-nies, qanqlu biża' kbir fihom, u għamlu seħer kbir.
117. U nebbaħna lil Mosè *(u għednielu)*: "Ixħet il-ħatar tiegħek!" U arah, bela' l-qerq tagħhom.
118. B'hekk seħħ is-sewwa, u ġie fix-xejn dak li kienu jagħmlu.
119. U hemmhekk dlonk ingħelbu *(il-Fargħun u l-kbarat tiegħu)* u tbaxxew.
120. U s-sħaħar inxteħtu fl-art jagħtu qima.

قَالُوٓا۟ ءَامَنَّا بِرَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿121﴾ رَبِّ مُوسَىٰ وَهَٰرُونَ ﴿122﴾ قَالَ
فِرْعَوْنُ ءَامَنتُم بِهِۦ قَبْلَ أَنْ ءَاذَنَ لَكُمْ ۖ إِنَّ هَٰذَا لَمَكْرٌ مَّكَرْتُمُوهُ
فِى ٱلْمَدِينَةِ لِتُخْرِجُوا۟ مِنْهَآ أَهْلَهَا ۖ فَسَوْفَ تَعْلَمُونَ ﴿123﴾ لَأُقَطِّعَنَّ
أَيْدِيَكُمْ وَأَرْجُلَكُم مِّنْ خِلَٰفٍ ثُمَّ لَأُصَلِّبَنَّكُمْ أَجْمَعِينَ ﴿124﴾
قَالُوٓا۟ إِنَّآ إِلَىٰ رَبِّنَا مُنقَلِبُونَ ﴿125﴾ وَمَا تَنقِمُ مِنَّآ إِلَّآ أَنْ ءَامَنَّا
بِـَٔايَٰتِ رَبِّنَا لَمَّا جَآءَتْنَا ۚ رَبَّنَآ أَفْرِغْ عَلَيْنَا صَبْرًا وَتَوَفَّنَا مُسْلِمِينَ
﴿126﴾ وَقَالَ ٱلْمَلَأُ مِن قَوْمِ فِرْعَوْنَ أَتَذَرُ مُوسَىٰ وَقَوْمَهُۥ لِيُفْسِدُوا۟
فِى ٱلْأَرْضِ وَيَذَرَكَ وَءَالِهَتَكَ ۚ قَالَ سَنُقَتِّلُ أَبْنَآءَهُمْ وَنَسْتَحْىِۦ
نِسَآءَهُمْ وَإِنَّا فَوْقَهُمْ قَٰهِرُونَ ﴿127﴾ قَالَ مُوسَىٰ لِقَوْمِهِ
ٱسْتَعِينُوا۟ بِٱللَّهِ وَٱصْبِرُوٓا۟ ۖ إِنَّ ٱلْأَرْضَ لِلَّهِ يُورِثُهَا مَن
يَشَآءُ مِنْ عِبَادِهِۦ ۖ وَٱلْعَٰقِبَةُ لِلْمُتَّقِينَ ﴿128﴾ قَالُوٓا۟ أُوذِينَا
مِن قَبْلِ أَن تَأْتِيَنَا وَمِنۢ بَعْدِ مَا جِئْتَنَا ۚ قَالَ عَسَىٰ رَبُّكُمْ
أَن يُهْلِكَ عَدُوَّكُمْ وَيَسْتَخْلِفَكُمْ فِى ٱلْأَرْضِ
فَيَنظُرَ كَيْفَ تَعْمَلُونَ ﴿129﴾ وَلَقَدْ أَخَذْنَآ ءَالَ فِرْعَوْنَ
بِٱلسِّنِينَ وَنَقْصٍ مِّنَ ٱلثَّمَرَٰتِ لَعَلَّهُمْ يَذَّكَّرُونَ ﴿130﴾

121. Huma qalu: "Nemmnu f'Sid il-ħolqien,
122. Sid Mosè u Aron!"
123. Il-Fargħun qal*(ilhom)*: "Emmintu fih qabel ma nagħtikom permess jien? Dan tassew tnassis li nassastu fil-belt *(flimkien ma' Mosè)* biex toħorġu minnha lil niesha *(lill-Eġizzjani, u fiha jgħixu l-Lhud minflokhom)*. Iżda *(dalwaqt)* tkunu tafu!
124. Tassew li naqtagħlkom idejkom u riġlejkom, id ta' naħa u riġel ta' naħa oħra, imbagħad insallabkom ilkoll!"
125. Qalu *(is-sħaħar)*: "*(B'daqshekk? Xi darba jew oħra)* aħna sejrin lura għand Sidna.
126. Inti ma tivvendikax ruħek minna ħlief minħabba li emminna fis-sinjali ta' Sidna, meta ġewna." *(Imbagħad talbu hekk)*: "Sidna, agħtina s-sabar *(waqt il-kastig li se jagħtina l-Fargħun)*, u ħudilna rwieħna meta aħna mitluqin f'idejk, Misilmin."
127. Il-kbarat ta' nies il-Fargħun qalu: "*(Ja Fargħun)* se tħalli lil Mosè u lil niesu jagħmlu ħsara fuq l-art, u jitlaq lilek u lill-allat tiegħek?" Qal *(il-Fargħun)*: "Se noqtlu s-subien tagħhom, u nħallu n-nisa tagħhom ħajjin *(imjassrin magħna)*. Aħna tabilħaqq naħkmu fuqhom!"
128. Mosè qal lil niesu: "Itolbu l-għajnuna ta' Alla, u stabru! Tabilħaqq li l-art hija ta' Alla, u jagħtiha b'wirt lil min irid minn fost il-qaddejja tiegħu. L-*(aqwa)* tmiem huwa ta' dawk li jibżgħu minn Alla."
129. Huma *(il-Lhud)* qalu: "Aħna ġarrabna d-deni qabel ma ġejtna, kif ukoll wara li ġejtna." Qal*(ilhom)*: "Għandu mnejn Sidkom jeqred l-għadu tagħkom, jagħmilkom werrieta fuq l-art, u jara kif iġġibu rwieħkom."
130. U ġarrabna lil nies il-Fargħun bi snin ta' nixfa kbira u nuqqas ta' frott, biex forsi jiftakru *(fit-twissija ta' Alla)*.

فَإِذَا جَآءَتْهُمُ ٱلْحَسَنَةُ قَالُوا۟ لَنَا هَٰذِهِۦ ۖ وَإِن تُصِبْهُمْ سَيِّئَةٌ
يَطَّيَّرُوا۟ بِمُوسَىٰ وَمَن مَّعَهُۥٓ ۗ أَلَآ إِنَّمَا طَٰٓئِرُهُمْ عِندَ ٱللَّهِ وَلَٰكِنَّ
أَكْثَرَهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿131﴾ وَقَالُوا۟ مَهْمَا تَأْتِنَا بِهِۦ مِنْ ءَايَةٍ
لِّتَسْحَرَنَا بِهَا فَمَا نَحْنُ لَكَ بِمُؤْمِنِينَ ﴿132﴾ فَأَرْسَلْنَا عَلَيْهِمُ
ٱلطُّوفَانَ وَٱلْجَرَادَ وَٱلْقُمَّلَ وَٱلضَّفَادِعَ وَٱلدَّمَ ءَايَٰتٍ مُّفَصَّلَٰتٍ
فَٱسْتَكْبَرُوا۟ وَكَانُوا۟ قَوْمًا مُّجْرِمِينَ ﴿133﴾ وَلَمَّا وَقَعَ عَلَيْهِمُ
ٱلرِّجْزُ قَالُوا۟ يَٰمُوسَى ٱدْعُ لَنَا رَبَّكَ بِمَا عَهِدَ عِندَكَ ۖ لَئِن
كَشَفْتَ عَنَّا ٱلرِّجْزَ لَنُؤْمِنَنَّ لَكَ وَلَنُرْسِلَنَّ مَعَكَ بَنِىٓ
إِسْرَٰٓءِيلَ ﴿134﴾ فَلَمَّا كَشَفْنَا عَنْهُمُ ٱلرِّجْزَ إِلَىٰٓ أَجَلٍ
هُم بَٰلِغُوهُ إِذَا هُمْ يَنكُثُونَ ﴿135﴾ فَٱنتَقَمْنَا مِنْهُمْ فَأَغْرَقْنَٰهُمْ
فِى ٱلْيَمِّ بِأَنَّهُمْ كَذَّبُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَا وَكَانُوا۟ عَنْهَا غَٰفِلِينَ ﴿136﴾
وَأَوْرَثْنَا ٱلْقَوْمَ ٱلَّذِينَ كَانُوا۟ يُسْتَضْعَفُونَ مَشَٰرِقَ
ٱلْأَرْضِ وَمَغَٰرِبَهَا ٱلَّتِى بَٰرَكْنَا فِيهَا ۖ وَتَمَّتْ كَلِمَتُ رَبِّكَ
ٱلْحُسْنَىٰ عَلَىٰ بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ بِمَا صَبَرُوا۟ ۖ وَدَمَّرْنَا مَا كَانَ
يَصْنَعُ فِرْعَوْنُ وَقَوْمُهُۥ وَمَا كَانُوا۟ يَعْرِشُونَ ﴿137﴾

131. U meta ġiehom il-ġid, qalu: "Dan tagħna *(għaliex ħaqqna)*!" Iżda meta ġiehom id-deni, qisuh b'xorti ħażina minħabba Mosè u dawk ta' miegħu. *(Xejn minn dan, għaliex)* ix-xorti ħażina tagħhom kienet biss *(ġejja minn)* għand Alla, iżda ħafna minnhom ma kinux jafu.

132. Huma qalu: "Ikun xi jkun is-sinjal li ġġib biex issaħħarna bih, aħna m'aħniex se nemmnuk!"

133. U bgħatna fuqhom l-għargħar, il-ġurati, il-qamel, iż-żrinġijiet, u d-demm – sinjali ċari, iżda huma tkabbru *(u ċaħdu t-twemmin)*, u kienu nies mill-agħar.

134. Kull meta waqa' fuqhom il-kastig, qalu: "Ja Mosè, itlob lil Sidek għalina, bis-saħħa tar-rabta tiegħu miegħek. Jekk tneħħi minn fuqna l-kastig, żgur nemmnuk, u nibagħtu miegħek lil Ulied Israel."

135. Iżda meta neħħejna minn fuqhom il-kastig, sa żmien *(l-għarqa)* li kellhom jaslu għalih, arahom jerġgħu jiksru kelmithom.

136. Għalhekk thallasna minnhom, u għerriqniehom fil-baħar talli giddbu s-sinjali tagħna u ma tawx kashom.

137. U lin-nies li kienu maħqurin *(mill-Fargħun u minn niesu)* tajniehom b'wirt il-Lvant u l-Punent ta' l-art li konna berikna, u l-kelma t-tajba ta' Sidek laħqet il-milja tagħha ma' Wlied Israel, għaliex kienu stabru *(fit-tbatijiet tagħhom)*, filwaqt li qridna kulma kienu għamlu l-Fargħun u niesu, u kulma kienu bnew.

وَجَٰوَزْنَا بِبَنِيٓ إِسْرَٰٓءِيلَ ٱلْبَحْرَ فَأَتَوْا۟ عَلَىٰ قَوْمٍ يَعْكُفُونَ عَلَىٰٓ
أَصْنَامٍ لَّهُمْ ۚ قَالُوا۟ يَٰمُوسَى ٱجْعَل لَّنَآ إِلَٰهًا كَمَا لَهُمْ ءَالِهَةٌ ۚ
قَالَ إِنَّكُمْ قَوْمٌ تَجْهَلُونَ ﴿138﴾ إِنَّ هَٰٓؤُلَآءِ مُتَبَّرٌ مَّا هُمْ فِيهِ وَبَٰطِلٌ
مَّا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ ﴿139﴾ قَالَ أَغَيْرَ ٱللَّهِ أَبْغِيكُمْ إِلَٰهًا
وَهُوَ فَضَّلَكُمْ عَلَى ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿140﴾ وَإِذْ أَنجَيْنَٰكُم
مِّنْ ءَالِ فِرْعَوْنَ يَسُومُونَكُمْ سُوٓءَ ٱلْعَذَابِ ۖ يُقَتِّلُونَ
أَبْنَآءَكُمْ وَيَسْتَحْيُونَ نِسَآءَكُمْ ۚ وَفِى ذَٰلِكُم بَلَآءٌ مِّن
رَّبِّكُمْ عَظِيمٌ ﴿141﴾ ۞ وَوَٰعَدْنَا مُوسَىٰ ثَلَٰثِينَ لَيْلَةً
وَأَتْمَمْنَٰهَا بِعَشْرٍ فَتَمَّ مِيقَٰتُ رَبِّهِۦٓ أَرْبَعِينَ لَيْلَةً ۚ وَقَالَ
مُوسَىٰ لِأَخِيهِ هَٰرُونَ ٱخْلُفْنِى فِى قَوْمِى وَأَصْلِحْ وَلَا تَتَّبِعْ
سَبِيلَ ٱلْمُفْسِدِينَ ﴿142﴾ وَلَمَّا جَآءَ مُوسَىٰ لِمِيقَٰتِنَا وَكَلَّمَهُۥ
رَبُّهُۥ ۚ قَالَ رَبِّ أَرِنِىٓ أَنظُرْ إِلَيْكَ ۚ قَالَ لَن تَرَىٰنِى وَلَٰكِنِ ٱنظُرْ
إِلَى ٱلْجَبَلِ فَإِنِ ٱسْتَقَرَّ مَكَانَهُۥ فَسَوْفَ تَرَىٰنِى ۚ فَلَمَّا تَجَلَّىٰ
رَبُّهُۥ لِلْجَبَلِ جَعَلَهُۥ دَكًّا وَخَرَّ مُوسَىٰ صَعِقًا ۚ فَلَمَّآ أَفَاقَ
قَالَ سُبْحَٰنَكَ تُبْتُ إِلَيْكَ وَأَنَا۠ أَوَّلُ ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿143﴾

نصف الحزب 17

138. U qsamna l-baħar b'Ulied Israel, u ġew fost nies mogħtija għall-idoli tagħhom. Qalu *(Ulied Israel)*: "Ja Mosè, agħmlilna alla bħalma *(dawn)* għandhom allat *(tagħhom)*." Qal*(ilhom)*: "Intom tabilħaqq nies li ma tafux *(x'qegħdin titolbu)*!

139. Tabilħaqq li dak *(il-ħażen ta' l-idolatrija)* li dawn *(innies)* jinsabu fih iwassal għall-qerda, u huwa fieragħ dak li qegħdin jagħmlu."

140. Qal*(ilhom ukoll Mosè)*: "Jaqaw se nfittxilkom alla *(ieħor)* minflok Alla, meta kien Hu li ppreferiekom fuq il-ħolqien *(kollu)*?"

141. *(U ftakru)* meta ħlisniekom minn nies il-Fargħun li kienu jġarrbukom *(u jaħqrukom)* bl-agħar tbatija, joqtlu s-subien tagħkom filwaqt li jħallu lin-nisa tagħkom ħajjin *(imjassrin magħhom)*. F'dan kien hemm tiġrib kbir minn Sidkom.

142. U rfajna għal Mosè *(żmien)* tletin lejla, u għamilniehom sħaħ b'għaxra *(oħra)*, hekk li *(b'kollox)* iż-żmien maħsub ta' Sidu kien ta' erbgħin lejla. U Mosè qal lil ħuh Aron: "Oqgħod minfloki fost niesi, agħmel il-ġid *(fosthom)*, u la timxix fit-triq ta' nies il-ħsara!"

143. U meta Mosè ġie fiż-żmien maħsub tagħna, u kellmu Sidu, *(Mosè)* qal: "Sidi, urini *(lilek innifsek)*, biex inħares lejk." *(Alla)* qal: "M'intix se tarani, iżda ħares lejn il-muntanja: jekk iżżomm f'postha, se tarani." Iżda meta Sidu deher *(fis-sebħ tiegħu)* lill-muntanja, għamilha frak, u Mosè nxteħet fl-art mitluf minn sensih. U meta *(Mosè)* stejqer qal: "Sebħ lilek! Jiena *(sogħbien)* dort lejk bl-indiema, u jiena l-ewwel fost dawk li jemmnu!"

قَالَ يَٰمُوسَىٰٓ إِنِّي ٱصْطَفَيْتُكَ عَلَى ٱلنَّاسِ بِرِسَٰلَٰتِي وَبِكَلَٰمِي
فَخُذْ مَآ ءَاتَيْتُكَ وَكُن مِّنَ ٱلشَّٰكِرِينَ ﴿144﴾ وَكَتَبْنَا
لَهُۥ فِي ٱلْأَلْوَاحِ مِن كُلِّ شَيْءٍ مَّوْعِظَةً وَتَفْصِيلًا لِّكُلِّ
شَيْءٍ فَخُذْهَا بِقُوَّةٍ وَأْمُرْ قَوْمَكَ يَأْخُذُوا۟ بِأَحْسَنِهَا سَأُورِيكُمْ
دَارَ ٱلْفَٰسِقِينَ ﴿145﴾ سَأَصْرِفُ عَنْ ءَايَٰتِيَ ٱلَّذِينَ يَتَكَبَّرُونَ
فِي ٱلْأَرْضِ بِغَيْرِ ٱلْحَقِّ وَإِن يَرَوْا۟ كُلَّ ءَايَةٍ لَّا يُؤْمِنُوا۟
بِهَا وَإِن يَرَوْا۟ سَبِيلَ ٱلرُّشْدِ لَا يَتَّخِذُوهُ سَبِيلًا وَإِن يَرَوْا۟
سَبِيلَ ٱلْغَيِّ يَتَّخِذُوهُ سَبِيلًا ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمْ كَذَّبُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَا
وَكَانُوا۟ عَنْهَا غَٰفِلِينَ ﴿146﴾ وَٱلَّذِينَ كَذَّبُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَا وَلِقَآءِ
ٱلْءَاخِرَةِ حَبِطَتْ أَعْمَٰلُهُمْ هَلْ يُجْزَوْنَ إِلَّا مَا كَانُوا۟
يَعْمَلُونَ ﴿147﴾ وَٱتَّخَذَ قَوْمُ مُوسَىٰ مِنۢ بَعْدِهِۦ مِنْ حُلِيِّهِمْ
عِجْلًا جَسَدًا لَّهُۥ خُوَارٌ أَلَمْ يَرَوْا۟ أَنَّهُۥ لَا يُكَلِّمُهُمْ وَلَا يَهْدِيهِمْ
سَبِيلًا ٱتَّخَذُوهُ وَكَانُوا۟ ظَٰلِمِينَ ﴿148﴾ وَلَمَّا سُقِطَ
فِيٓ أَيْدِيهِمْ وَرَأَوْا۟ أَنَّهُمْ قَدْ ضَلُّوا۟ قَالُوا۟ لَئِن لَّمْ يَرْحَمْنَا
رَبُّنَا وَيَغْفِرْ لَنَا لَنَكُونَنَّ مِنَ ٱلْخَٰسِرِينَ ﴿149﴾

144. Qal *(Alla)*: "Ja Mosè, Jiena għażiltek fuq in-nies *(l-oħra)* bil-messaġġi tiegħi *(li għaddejtlek)*, u bi kliemi *(li Jiena għedtlek)*. Mela ħu *(il-ġieħ)* li tajtek, u kun minn dawk li jiżżu ħajr!"

145. U ktibnielu fuq kull ħaġa, fuq it-twavel, bi twissija u tifsir bir-reqqa ta' kollox. "Mela ħudhom, *(żommhom u ħarishom)* bil-qawwa *(tiegħek kollha)*, u amar lil niesek iżommu ma' l-aħjar li fihom *(dawn it-twavel)*. Se nurikom *(dalwaqt)* dar il-ħżiena."

146. Se nbiegħed mis-sinjali tiegħi lil dawk li jitkabbru fuq l-art, mingħajr ħaqq *(u ma nħallihomx jifhmuhom; dawk li mqar)* jekk jaraw kull sinjal *(u miraklu ieħor, xorta waħda)* ma jemmnux fih. U jekk jaraw it-triq it-tajba, ma jeħduhiex bi triq*(ithom)*, iżda jekk jaraw triq il-ħtija, *(arahom)* jeħduha bi triq*(ithom)*. Dak għaliex huma giddbu s-sinjali tagħna, u ma tawx kashom.

147. Dawk li jgiddbu s-sinjali tagħna u l-laqgħa ta' *(il-Ħajja)* l-Oħra *(ma' Alla)*, jisfaw fix-xejn l-għemejjel tagħhom. Jaqaw se jitħallsu għajr ta' dak li kienu jagħmlu?

148. U nies Mosè, wara *(it-tluq tiegħu lejn il-muntanja)*, ħadu *(b'alla tagħhom)* xbieha ta' għoġol magħmul mit-tiżjin *(tad-deheb u l-fidda)* tagħhom, u kien jgħajjat *(meta jgħaddi r-riħ minnu)*. Mela ma rawx li *(dan l-għoġol)* la jkellimhom u lanqas jurihom it-triq? Huma ħaduh *(għall-qima tagħhom)*, u kienu ħżiena.

149. U meta nidmu sewwa *(minn dak li kienu għamlu)*, u raw li kienu mitlufin, qalu: "Jekk Sidna ma jħennx għalina u jaħfrilna, tassew inkunu fost it-tellifin!"

وَلَمَّا رَجَعَ مُوسَىٰٓ إِلَىٰ قَوْمِهِۦ غَضْبَٰنَ أَسِفًا قَالَ بِئْسَمَا خَلَفْتُمُونِى
مِنۢ بَعْدِىٓ ۖ أَعَجِلْتُمْ أَمْرَ رَبِّكُمْ ۖ وَأَلْقَى ٱلْأَلْوَاحَ وَأَخَذَ بِرَأْسِ
أَخِيهِ يَجُرُّهُۥٓ إِلَيْهِ ۚ قَالَ ٱبْنَ أُمَّ إِنَّ ٱلْقَوْمَ ٱسْتَضْعَفُونِى وَكَادُوا۟
يَقْتُلُونَنِى فَلَا تُشْمِتْ بِىَ ٱلْأَعْدَآءَ وَلَا تَجْعَلْنِى مَعَ ٱلْقَوْمِ
ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿150﴾ قَالَ رَبِّ ٱغْفِرْ لِى وَلِأَخِى وَأَدْخِلْنَا فِى
رَحْمَتِكَ ۖ وَأَنتَ أَرْحَمُ ٱلرَّٰحِمِينَ ﴿151﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ ٱتَّخَذُوا۟
ٱلْعِجْلَ سَيَنَالُهُمْ غَضَبٌ مِّن رَّبِّهِمْ وَذِلَّةٌ فِى ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا ۚ
وَكَذَٰلِكَ نَجْزِى ٱلْمُفْتَرِينَ ﴿152﴾ وَٱلَّذِينَ عَمِلُوا۟ ٱلسَّيِّـَٔاتِ ثُمَّ
تَابُوا۟ مِنۢ بَعْدِهَا وَءَامَنُوٓا۟ إِنَّ رَبَّكَ مِنۢ بَعْدِهَا لَغَفُورٌ رَّحِيمٌ
﴿153﴾ وَلَمَّا سَكَتَ عَن مُّوسَى ٱلْغَضَبُ أَخَذَ ٱلْأَلْوَاحَ ۖ وَفِى
نُسْخَتِهَا هُدًى وَرَحْمَةٌ لِّلَّذِينَ هُمْ لِرَبِّهِمْ يَرْهَبُونَ ﴿154﴾ وَٱخْتَارَ
مُوسَىٰ قَوْمَهُۥ سَبْعِينَ رَجُلًا لِّمِيقَٰتِنَا ۖ فَلَمَّآ أَخَذَتْهُمُ ٱلرَّجْفَةُ
قَالَ رَبِّ لَوْ شِئْتَ أَهْلَكْتَهُم مِّن قَبْلُ وَإِيَّىَ ۖ أَتُهْلِكُنَا بِمَا فَعَلَ
ٱلسُّفَهَآءُ مِنَّا ۖ إِنْ هِىَ إِلَّا فِتْنَتُكَ تُضِلُّ بِهَا مَن تَشَآءُ وَتَهْدِى
مَن تَشَآءُ ۖ أَنتَ وَلِيُّنَا فَٱغْفِرْ لَنَا وَٱرْحَمْنَا ۖ وَأَنتَ خَيْرُ ٱلْغَٰفِرِينَ ﴿155﴾

150. Meta Mosè reġa' lura għand niesu, mgħaddab u *(fl-istess ħin)* imnikket *(għaliex qiemu l-għoġol)*, qal*(ilhom)*: "Huwa ta' għajb dak li għamiltu fin-nuqqas tiegħi. Jaqaw ridtu tgħaġġlu, *(kontra)* l-amar ta' Sidkom *(u ma flaħtux tistennewni ninżel mill-muntanja)*?" U *(fl-għadab tiegħu)* rema t-twavel *(tal-liġi)*, qabad ras ħuh, u ġibdu lejh. Qal *(Aron)*: "Bin ommi, in-nies qisuni dgħajjef *(u ma tawx kasi)*, u kienu għoddhom qatluni. Mela la tferraħx bija lill-għedewwa *(tagħna)*, u la tgħoddnix man-nies il-ħżiena."

151. Qal *(Mosè)*: "Sidi, aħfer lili u lil ħija, u daħħalna fil-ħniena tiegħek. Inti l-Aktar Ħanin fost min iħenn."

152. Tabilħaqq li dawk li għażlu għalihom l-għoġol se jmisshom għadab minn Sidhom u tkasbir fil-ħajja f'*(din)* id-dinja. Hekk inħallsu lil dawk li jaqilgħu l-gideb.

153. Iżda dawk li jagħmlu l-għemejjel ħżiena, imbagħad wara jindmu u jemmnu, tabilħaqq li Sidek, wara dan, huwa Kollu Maħfra u Ħanin.

154. U meta l-għadab għadda minn fuq Mosè, *(Mosè)* ħa t-twavel, u fil-kitba tagħhom kien hemm tmexxija tajba u ħniena għal dawk li jibżgħu minn Sidhom.

155. Mosè *(imbagħad)* għażel sebgħin raġel minn niesu għal waqt *(li fih kellha sseħħ)* il-laqgħa magħna, u meta ħadhom it-tregħid *(tal-muntanja)*, qal *(Mosè)*: "Sidi, li kieku ridt, sa minn qabel kont teqred lilhom u lili. Kont forsi se teqridna minħabba dak li *(dawn)* il-boloh fostna għamlu *(meta talbu li jarawk wiċċ imb'wiċċ)*? Dan ma huwiex għajr it-tiġrib tiegħek *(lilna)*, li bih toħroġ mit-triq it-tajba lil min trid, u tqabbad it-triq it-tajba lil min trid. Inti tħarisna! Mela aħfrilna u ħenn għalina, għaliex Inti l-Aħjar fost dawk li jaħfru.

۞ وَٱكْتُبْ لَنَا فِى هَٰذِهِ ٱلدُّنْيَا حَسَنَةً وَفِى ٱلْـَٔاخِرَةِ إِنَّا
هُدْنَآ إِلَيْكَ ۚ قَالَ عَذَابِىٓ أُصِيبُ بِهِۦ مَنْ أَشَآءُ ۖ وَرَحْمَتِى
وَسِعَتْ كُلَّ شَىْءٍ ۚ فَسَأَكْتُبُهَا لِلَّذِينَ يَتَّقُونَ وَيُؤْتُونَ
ٱلزَّكَوٰةَ وَٱلَّذِينَ هُم بِـَٔايَـٰتِنَا يُؤْمِنُونَ ﴿156﴾ ٱلَّذِينَ يَتَّبِعُونَ
ٱلرَّسُولَ ٱلنَّبِىَّ ٱلْأُمِّىَّ ٱلَّذِى يَجِدُونَهُۥ مَكْتُوبًا عِندَهُمْ
فِى ٱلتَّوْرَىٰةِ وَٱلْإِنجِيلِ يَأْمُرُهُم بِٱلْمَعْرُوفِ وَيَنْهَىٰهُمْ
عَنِ ٱلْمُنكَرِ وَيُحِلُّ لَهُمُ ٱلطَّيِّبَـٰتِ وَيُحَرِّمُ عَلَيْهِمُ
ٱلْخَبَـٰٓئِثَ وَيَضَعُ عَنْهُمْ إِصْرَهُمْ وَٱلْأَغْلَـٰلَ ٱلَّتِى كَانَتْ
عَلَيْهِمْ ۚ فَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ بِهِۦ وَعَزَّرُوهُ وَنَصَرُوهُ وَٱتَّبَعُوا۟
ٱلنُّورَ ٱلَّذِىٓ أُنزِلَ مَعَهُۥٓ ۙ أُو۟لَـٰٓئِكَ هُمُ ٱلْمُفْلِحُونَ ﴿157﴾ قُلْ
يَـٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ إِنِّى رَسُولُ ٱللَّهِ إِلَيْكُمْ جَمِيعًا ٱلَّذِى
لَهُۥ مُلْكُ ٱلسَّمَـٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ لَآ إِلَـٰهَ إِلَّا هُوَ يُحْىِۦ وَيُمِيتُ ۖ
فَـَٔامِنُوا۟ بِٱللَّهِ وَرَسُولِهِ ٱلنَّبِىِّ ٱلْأُمِّىِّ ٱلَّذِى يُؤْمِنُ بِٱللَّهِ
وَكَلِمَـٰتِهِۦ وَٱتَّبِعُوهُ لَعَلَّكُمْ تَهْتَدُونَ ﴿158﴾
وَمِن قَوْمِ مُوسَىٰٓ أُمَّةٌ يَهْدُونَ بِٱلْحَقِّ وَبِهِۦ يَعْدِلُونَ ﴿159﴾

156. U iktbilna *(b'amar tiegħek)* dak li hu tajjeb f'din id-dinja u fl-Oħra. Aħna tabilħaqq dorna lejk *(bl-indiema)*." Qal *(Alla)*: "Nolqot bil-kastig tiegħi lil min irrid, u l-ħniena tiegħi tesa' kollox. Għalhekk se niktibha *(b'amar)* lil dawk li għandhom il-biża' ta' Alla, dawk li jagħtu l-karità, u dawk li jemmnu fir-Rivelazzjoni tagħna,

157. dawk li jimxu wara l-Mibgħut, il-Profeta bla tagħlim, li jsibuh miktub għandhom fit-*Torā* u fl-Evanġelju, li jamrilhom jagħmlu t-tajjeb, u jżommhom 'il bogħod mill-ħażin, jippermettilhom jieħdu mill-ħwejjeġ tajba, u jipprojbilhom il-ħwejjeġ ħżiena, u jneħħilhom it-toqol tagħhom u l-madmad *(tal-liġijiet tqal minħabba l-ħażen tagħhom)* li kellhom fuqhom. U dawk li jemmnuh *(lil Muħammad)*, li jagħtuh ġieħ, li jgħinuh u li jimxu fid-dawl li tniżżel miegħu *(il-Qoran)*, dawk huma r-rebbieħa."

158. Għid *(Muħammad)*: "Ja nies, jiena l-Mibgħut ta' Alla għandkom ilkoll, *(il-Mibgħut ta')* Dak li tiegħu hija s-saltna tas-smewwiet u l-art: ma hemmx alla ħliefu, li jagħti l-ħajja u jagħti l-mewt. Mela emmnu f'Alla u fil-Mibgħut tiegħu, il-Profeta bla tagħlim li jemmen f'Alla u fi Kliemu, u imxu warajh, biex forsi timxu fit-triq it-tajba."

159. Fost nies Mosè hemm ġemgħa li tmexxi *(lil ħaddieħor)* bis-sewwa, u bih jagħmlu ħaqq.

وَقَطَّعْنَٰهُمُ ٱثْنَتَىْ عَشْرَةَ أَسْبَاطًا أُمَمًا ۚ وَأَوْحَيْنَآ إِلَىٰ مُوسَىٰٓ
إِذِ ٱسْتَسْقَىٰهُ قَوْمُهُۥٓ أَنِ ٱضْرِب بِّعَصَاكَ ٱلْحَجَرَ ۖ
فَٱنۢبَجَسَتْ مِنْهُ ٱثْنَتَا عَشْرَةَ عَيْنًا ۖ قَدْ عَلِمَ كُلُّ أُنَاسٍ
مَّشْرَبَهُمْ ۚ وَظَلَّلْنَا عَلَيْهِمُ ٱلْغَمَٰمَ وَأَنزَلْنَا عَلَيْهِمُ ٱلْمَنَّ
وَٱلسَّلْوَىٰ ۖ كُلُوا۟ مِن طَيِّبَٰتِ مَا رَزَقْنَٰكُمْ ۚ وَمَا
ظَلَمُونَا وَلَٰكِن كَانُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ يَظْلِمُونَ ﴿160﴾ وَإِذْ
قِيلَ لَهُمُ ٱسْكُنُوا۟ هَٰذِهِ ٱلْقَرْيَةَ وَكُلُوا۟ مِنْهَا حَيْثُ
شِئْتُمْ وَقُولُوا۟ حِطَّةٌ وَٱدْخُلُوا۟ ٱلْبَابَ سُجَّدًا نَّغْفِرْ
لَكُمْ خَطِيٓـَٰتِكُمْ ۚ سَنَزِيدُ ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿161﴾
فَبَدَّلَ ٱلَّذِينَ ظَلَمُوا۟ مِنْهُمْ قَوْلًا غَيْرَ ٱلَّذِى قِيلَ لَهُمْ
فَأَرْسَلْنَا عَلَيْهِمْ رِجْزًا مِّنَ ٱلسَّمَآءِ بِمَا كَانُوا۟
يَظْلِمُونَ ﴿162﴾ وَسْـَٔلْهُمْ عَنِ ٱلْقَرْيَةِ ٱلَّتِى كَانَتْ
حَاضِرَةَ ٱلْبَحْرِ ۘ إِذْ يَعْدُونَ فِى ٱلسَّبْتِ إِذْ تَأْتِيهِمْ
حِيتَانُهُمْ يَوْمَ سَبْتِهِمْ شُرَّعًا وَيَوْمَ لَا يَسْبِتُونَ ۙ
لَا تَأْتِيهِمْ ۚ كَذَٰلِكَ نَبْلُوهُم بِمَا كَانُوا۟ يَفْسُقُونَ ﴿163﴾

160. U qassamniehom fi tnax-il tribù *(ħerġin mit-tnax-il tifel ta' Ġakobb; tnax-il)* ġens. U nebbaħna lil Mosè, meta niesu talbuh l-ilma *(u għednielu)*: "Olqot il-ħaġra bil-ħatar tiegħek!" Minnha ħarġu tnax-il għajn *(ta' l-ilma)*, hekk li kulħadd kien jaf minn fejn seta' jixrob. U dellilna fuqhom bis-sħab *(kontra l-qilla tax-xemx)*, u niżżilna fuqhom il-manna *(li tidher fis-siġar)* u s-summien *(u għednielhom)*: "Kulu mill-ħwejjeġ tajba li tajniekom!" *(Iżda huma ħaduha kontrina)*, u ma naqsux lejna, iżda kienu qegħdin jonqsu lejhom infushom.

161. U *(ftakar Muħammad)* meta ntqalilhom: "Għixu f'din il-belt, kulu minnha kemm tixtiequ, u għidu: '*(Nitolbu)* il-Maħfra!' Idħlu mill-bieb *(tal-belt)* b'ħarsitkom lejn l-art. Aħna naħfrulkom ħtijietkom, u se nżidu sehem dawk li jagħmlu t-tajjeb."

162. U dawk fosthom li għamlu l-ħażen biddlu dak li kien intqalilhom bi kliem *(ieħor)*. Għalhekk bgħatna fuqhom kastig mis-sema minħabba l-ħażen tagħhom.

163. Staqsihom *(Muħammad lil-Lhud)* dwar il-belt li kienet ħdejn il-baħar, meta kisru s-Sibt: meta l-ħut tagħhom kien jitla' f'wiċċ il-baħar f'jum is-Sibt tagħhom, u meta ma jkunx jum is-Sibt *(il-ħut)* ma kienx jiġihom. Hekk ġarrabniehom talli kienu jagħmlu l-ħażen.

وَإِذْ قَالَتْ أُمَّةٌ مِّنْهُمْ لِمَ تَعِظُونَ قَوْمًا ۙ اللَّهُ مُهْلِكُهُمْ أَوْ مُعَذِّبُهُمْ
عَذَابًا شَدِيدًا ۖ قَالُوا مَعْذِرَةً إِلَىٰ رَبِّكُمْ وَلَعَلَّهُمْ يَتَّقُونَ ﴿164﴾
فَلَمَّا نَسُوا مَا ذُكِّرُوا بِهِ أَنجَيْنَا الَّذِينَ يَنْهَوْنَ عَنِ السُّوءِ
وَأَخَذْنَا الَّذِينَ ظَلَمُوا بِعَذَابٍ بَئِيسٍ بِمَا كَانُوا يَفْسُقُونَ
﴿165﴾ فَلَمَّا عَتَوْا عَن مَّا نُهُوا عَنْهُ قُلْنَا لَهُمْ كُونُوا قِرَدَةً خَاسِئِينَ
﴿166﴾ وَإِذْ تَأَذَّنَ رَبُّكَ لَيَبْعَثَنَّ عَلَيْهِمْ إِلَىٰ يَوْمِ الْقِيَامَةِ مَن
يَسُومُهُمْ سُوءَ الْعَذَابِ ۗ إِنَّ رَبَّكَ لَسَرِيعُ الْعِقَابِ ۖ وَإِنَّهُ
لَغَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿167﴾ وَقَطَّعْنَاهُمْ فِي الْأَرْضِ أُمَمًا ۖ مِّنْهُمُ
الصَّالِحُونَ وَمِنْهُمْ دُونَ ذَٰلِكَ ۖ وَبَلَوْنَاهُم بِالْحَسَنَاتِ
وَالسَّيِّئَاتِ لَعَلَّهُمْ يَرْجِعُونَ ﴿168﴾ فَخَلَفَ مِن بَعْدِهِمْ خَلْفٌ
وَرِثُوا الْكِتَابَ يَأْخُذُونَ عَرَضَ هَٰذَا الْأَدْنَىٰ وَيَقُولُونَ سَيُغْفَرُ لَنَا
وَإِن يَأْتِهِمْ عَرَضٌ مِّثْلُهُ يَأْخُذُوهُ ۚ أَلَمْ يُؤْخَذْ عَلَيْهِم مِّيثَاقُ الْكِتَابِ
أَن لَّا يَقُولُوا عَلَى اللَّهِ إِلَّا الْحَقَّ وَدَرَسُوا مَا فِيهِ ۗ وَالدَّارُ الْآخِرَةُ
خَيْرٌ لِّلَّذِينَ يَتَّقُونَ ۗ أَفَلَا تَعْقِلُونَ ﴿169﴾ وَالَّذِينَ يُمَسِّكُونَ
بِالْكِتَابِ وَأَقَامُوا الصَّلَاةَ إِنَّا لَا نُضِيعُ أَجْرَ الْمُصْلِحِينَ ﴿170﴾

164. Meta ġemgħa minnhom qalet: "Għaliex twissu *(u twiddbu)* lil nies li Alla se jeqred, jew se jikkastiga b'kastig qalil?" Qalu: "Biex inkunu bla ħtija quddiem Sidkom, u biex forsi jibżgħu *(minn Alla)*."

165. U meta nsew dak li kienu mwissija, ħlisna lil dawk li kienu jgħidu lill-ħżiena biex ma jagħmlux il-ħażen, u lil dawk li dinbu tajnie*(hom)* kastig aħrax talli kienu jagħmlu l-ħażen.

166. U meta tkesshu u kisru dak li ma kienx jiswa għalihom, għednielhom: "Kunu xadini umiljati *(u mibgħuda)*!"

167. U *(fakar Muħammad)* li Sidek ħabbar li tassew se jibgħat fuqhom, sa *(ma jasal)* Jum il-Qawmien, lil min jgħaddihom minn tbatija mill-agħar. Tabilħaqq li Sidek malajr jagħti l-kastig, iżda Huwa Kollu Maħfra u Ħanin.

168. Aħna *(lil-Lhud)* qassamniehom fi ġnus *(u xerridniehom)* fuq l-art. Hemm minnhom tajbin, u oħrajn ma humiex hekk. Aħna ġarrabniehom bil-ġid u bid-deni, biex forsi jerġgħu lura *(lejna)*.

169. Warajhom ġew nies *(ħżiena oħra)* li wirtu l-Ktieb *(tat-Torā)*, u ħadu l-frugħa ta' din id-dinja, filwaqt li qalu: "Se jinħafrilna *(kulma nagħmlu)*." Iżda jekk terġa' tiġihom frugħa *(oħra)* bħalha, huma jeħduha. Jaqaw ma humiex marbuta bil-patt tal-Ktieb *(tat-Torā, dak il-patt li jorbothom)* li ma jgħidux dwar Alla ħlief is-sewwa? Huma studjaw *(u jafu sewwa)* dak li hemm fih *(dan il-Ktieb)*. U d-Dar l-Oħra hija aħjar għal dawk li jibżgħu minn Alla. Mela ma tifhmux?

170. Iżda dawk li jżommu sewwa mal-Ktieb u jagħmlu t-talb, Aħna tabilħaqq m'Aħniex se ntellfu l-ħlas ta' dawk li jagħmlu l-ġid.

الحزب 18

۞ وَإِذْ نَتَقْنَا الْجَبَلَ فَوْقَهُمْ كَأَنَّهُ ظُلَّةٌ وَظَنُّوا أَنَّهُ وَاقِعٌ بِهِمْ
خُذُوا مَا آتَيْنَاكُم بِقُوَّةٍ وَاذْكُرُوا مَا فِيهِ لَعَلَّكُمْ تَتَّقُونَ ﴿171﴾
وَإِذْ أَخَذَ رَبُّكَ مِن بَنِي آدَمَ مِن ظُهُورِهِمْ ذُرِّيَّتَهُمْ وَأَشْهَدَهُمْ
عَلَىٰ أَنفُسِهِمْ أَلَسْتُ بِرَبِّكُمْ ۖ قَالُوا بَلَىٰ شَهِدْنَا ۛ أَن تَقُولُوا يَوْمَ
الْقِيَامَةِ إِنَّا كُنَّا عَنْ هَٰذَا غَافِلِينَ ﴿172﴾ أَوْ تَقُولُوا إِنَّمَا أَشْرَكَ
آبَاؤُنَا مِن قَبْلُ وَكُنَّا ذُرِّيَّةً مِّن بَعْدِهِمْ ۖ أَفَتُهْلِكُنَا بِمَا فَعَلَ
الْمُبْطِلُونَ ﴿173﴾ وَكَذَٰلِكَ نُفَصِّلُ الْآيَاتِ وَلَعَلَّهُمْ يَرْجِعُونَ
﴿174﴾ وَاتْلُ عَلَيْهِمْ نَبَأَ الَّذِي آتَيْنَاهُ آيَاتِنَا فَانسَلَخَ مِنْهَا
فَأَتْبَعَهُ الشَّيْطَانُ فَكَانَ مِنَ الْغَاوِينَ ﴿175﴾ وَلَوْ شِئْنَا
لَرَفَعْنَاهُ بِهَا وَلَٰكِنَّهُ أَخْلَدَ إِلَى الْأَرْضِ وَاتَّبَعَ هَوَاهُ ۚ فَمَثَلُهُ
كَمَثَلِ الْكَلْبِ إِن تَحْمِلْ عَلَيْهِ يَلْهَث أَوْ تَتْرُكْهُ
يَلْهَث ۚ ذَّٰلِكَ مَثَلُ الْقَوْمِ الَّذِينَ كَذَّبُوا بِآيَاتِنَا ۚ فَاقْصُصِ
الْقَصَصَ لَعَلَّهُمْ يَتَفَكَّرُونَ ﴿176﴾ سَاءَ مَثَلًا الْقَوْمُ الَّذِينَ
كَذَّبُوا بِآيَاتِنَا وَأَنفُسَهُمْ كَانُوا يَظْلِمُونَ ﴿177﴾ مَن يَهْدِ اللَّهُ
فَهُوَ الْمُهْتَدِي ۖ وَمَن يُضْلِلْ فَأُولَٰئِكَ هُمُ الْخَاسِرُونَ ﴿178﴾

171. U *(ftakar Muħammad)* meta heżżiżna l-muntanja u għollejnieha fuqhom, qisha saqaf, u ħasbu li kienet nieżla fuqhom. *(Għednielhom)*: "Żommu bil-qawwa ma' dak li tajniekom, u ftakru f'li fih, biex forsi tibżgħu minn Alla!"

172. U *(ftakar ukoll)* meta Sidek ħareġ minn ulied Adam, minn ħdanhom, in-nisel tagħhom, u ġagħalhom jixhdu għalihom infushom *(meta qalilhom)*: "Jaqaw m'iniex Sidkom?" Qalu: "Mela! Aħna nixhdu *(għal dan)*!" *(Dan sar biex)* f'Jum il-Qawmien ma tgħidux: "Aħna tabilħaqq kellna moħħna mtajjar dwar dan *(u ma tajniex kas)*."

173. Jew *(inkella)* tgħidu: "Imma, qabel, missirijietna xierku *(allat oħra ma' Alla)*, u aħna *(m'aħniex ħlief)* nisel *(li ġejna)* warajhom. Jaqaw se teqridna minħabba dak li għamlu l-qarrieqa?"

174. Hekk infissru bir-reqqa s-sinjali *(tagħna)*, u forsi jerġgħu lura *(għas-sewwa)*.

175. Għidilhom *(Muħammad lil-Lhud)* il-ġrajja ta' dak li tajnieh is-sinjali tagħna, iżda hu warrab minnhom, u x-Xitan mexa warajh hekk li kien minn dawk li tilfu t-triq.

176. Kieku ridna, konna nerfgħuh bihom *(bis-sinjal tagħna u jkun fost l-għorrief u l-ġusti)*, iżda huwa miel lejn l-art u mexa wara xewqatu. Huwa bħall-kelb li, jekk taħbat għalih *(biex tkeċċih)*, jilheġ, jew jekk tħallih *(fil-kwiet)*, jilheġ *(ukoll)*. Dan huwa bħan-nies li jgiddbu s-sinjali tagħna. Mela għid il-ġrajjiet *(ta' nies il-qedem)* biex forsi jixtarru *(is-siwi tagħhom)*.

177. Huma ta' eżempju ħażin in-nies li jgiddbu s-sinjali tagħna, u kienu qegħdin jonqsu lejhom infushom.

178. Dak li Alla jurih it-triq, huwa tassew fit-triq it-tajba, u dawk li Huwa jtellef *(lilhom)* it-triq, dawk huma t-telliefa.

وَلَقَدْ ذَرَأْنَا لِجَهَنَّمَ كَثِيرًا مِّنَ الْجِنِّ وَالْإِنسِ ۖ لَهُمْ قُلُوبٌ
لَّا يَفْقَهُونَ بِهَا وَلَهُمْ أَعْيُنٌ لَّا يُبْصِرُونَ بِهَا وَلَهُمْ آذَانٌ لَّا يَسْمَعُونَ
بِهَا ۚ أُولَٰئِكَ كَالْأَنْعَامِ بَلْ هُمْ أَضَلُّ ۚ أُولَٰئِكَ هُمُ الْغَافِلُونَ ﴿179﴾
وَلِلَّهِ الْأَسْمَاءُ الْحُسْنَىٰ فَادْعُوهُ بِهَا ۖ وَذَرُوا الَّذِينَ يُلْحِدُونَ فِي
أَسْمَائِهِ ۚ سَيُجْزَوْنَ مَا كَانُوا يَعْمَلُونَ ﴿180﴾ وَمِمَّنْ خَلَقْنَا أُمَّةٌ
يَهْدُونَ بِالْحَقِّ وَبِهِ يَعْدِلُونَ ﴿181﴾ وَالَّذِينَ كَذَّبُوا بِآيَاتِنَا
سَنَسْتَدْرِجُهُم مِّنْ حَيْثُ لَا يَعْلَمُونَ ﴿182﴾ وَأُمْلِي لَهُمْ ۚ إِنَّ
كَيْدِي مَتِينٌ ﴿183﴾ أَوَلَمْ يَتَفَكَّرُوا ۗ مَا بِصَاحِبِهِم مِّن جِنَّةٍ ۚ إِنْ
هُوَ إِلَّا نَذِيرٌ مُّبِينٌ ﴿184﴾ أَوَلَمْ يَنظُرُوا فِي مَلَكُوتِ السَّمَاوَاتِ
وَالْأَرْضِ وَمَا خَلَقَ اللَّهُ مِن شَيْءٍ وَأَنْ عَسَىٰ أَن يَكُونَ قَدِ اقْتَرَبَ
أَجَلُهُمْ ۖ فَبِأَيِّ حَدِيثٍ بَعْدَهُ يُؤْمِنُونَ ﴿185﴾ مَن يُضْلِلِ اللَّهُ فَلَا
هَادِيَ لَهُ ۚ وَيَذَرُهُمْ فِي طُغْيَانِهِمْ يَعْمَهُونَ ﴿186﴾ يَسْأَلُونَكَ عَنِ السَّاعَةِ
أَيَّانَ مُرْسَاهَا ۖ قُلْ إِنَّمَا عِلْمُهَا عِندَ رَبِّي ۖ لَا يُجَلِّيهَا لِوَقْتِهَا إِلَّا هُوَ ۚ ثَقُلَتْ
فِي السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضِ ۚ لَا تَأْتِيكُمْ إِلَّا بَغْتَةً ۗ يَسْأَلُونَكَ كَأَنَّكَ حَفِيٌّ
عَنْهَا ۖ قُلْ إِنَّمَا عِلْمُهَا عِندَ اللَّهِ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ النَّاسِ لَا يَعْلَمُونَ ﴿187﴾

179. Aħna ħlaqna għall-Infern ħafna minn fost il-*ġinn* u l-bnedmin: *(dawn)* għandhom qlub li ma jifhmux bihom, għandhom għajnejn li ma jarawx bihom, u għandhom widnejn li ma jisimgħux bihom. Huma bħall-frat, anzi huma aktar mitlufin *(minnhom)*. Dawk huma ta' moħħ imtajjar.

180. Ta' Alla huma l-isbaħ ismijiet![46] Mela sejħulu bihom, u itilqu lil dawk li jżebilħu l-ismijiet tiegħu. Huma għad jitħallsu talli kienu jagħmlu.

181. U minn dawk li ħlaqna hemm nazzjon li jmexxi *(lil ħaddieħor)* bis-sewwa, u bih jagħmlu ħaqq.

182. U dawk li jgiddbu s-sinjali tagħna, se mmexxuhom, tarġa tarġa *(lejn il-qerda)*, bla ma jafu minn fejn.

183. Se nagħtihom ftit taż-żmien *(ieħor)*. Tabilħaqq li n-nasba tiegħi fis-sod.

184. Mela ma xtarrux *(dan kollu)*? F'seħibhom *(Muħammad)* ma hemm ebda ġenn. Huwa ma huwiex ħlief wieħed li jwissi biċ-ċar.

185. Mela ma ħarsux lejn is-saltna tas-smewwiet u l-art, u lejn dak li Alla ħalaq, u *(ma ġihomx f'rashom)* li jista' jkun li żmienhom qorob *(lejn tmiemu)*? U f'liema kliem, wara dan, se jemmnu?

186. Dak li Alla jtellef *(lilu)* it-triq, ma għandu lil ħadd min imexxih. Huwa jħallihom jiġġerrew, mitlufin, fil-ħtija kbira tagħhom.

187. Huma jistaqsuk *(Muħammad)* dwar is-Siegħa, meta għandha tasal. Għid*(ilhom)*: "L-għarfien dwarha jinsab biss għand Sidi! Ħadd ħliefu ma juriha fi żmienha. Hija ħaġa kbira, fis-smewwiet u fl-art *(u saret tal-biża' għal kulħadd)*. Hija ma tasalx fuqkom ħlief għal għarrieda." Huma jistaqsuk bħallikieku inti taf sew fuqha. Għidilhom *(Muħammad)*: "L-għarfien dwarha jinsab biss għand Alla! Iżda l-kotra tan-nies ma jafux *(għaliex Alla ħeba minnhom iż-żmien meta għandha tasal)*."

---

[46] Ara t-Tagħrif Ġenerali u l-Appendiċi.

قُل لَّآ أَمۡلِكُ لِنَفۡسِي نَفۡعٗا وَلَا ضَرًّا إِلَّا مَا شَآءَ ٱللَّهُۚ وَلَوۡ كُنتُ
أَعۡلَمُ ٱلۡغَيۡبَ لَٱسۡتَكۡثَرۡتُ مِنَ ٱلۡخَيۡرِ وَمَا مَسَّنِيَ ٱلسُّوٓءُۚ إِنۡ
أَنَا۠ إِلَّا نَذِيرٞ وَبَشِيرٞ لِّقَوۡمٖ يُؤۡمِنُونَ ﴿188﴾ ۞ هُوَ ٱلَّذِي خَلَقَكُم
مِّن نَّفۡسٖ وَٰحِدَةٖ وَجَعَلَ مِنۡهَا زَوۡجَهَا لِيَسۡكُنَ إِلَيۡهَاۖ فَلَمَّا
تَغَشَّىٰهَا حَمَلَتۡ حَمۡلًا خَفِيفٗا فَمَرَّتۡ بِهِۦۖ فَلَمَّآ أَثۡقَلَت دَّعَوَا
ٱللَّهَ رَبَّهُمَا لَئِنۡ ءَاتَيۡتَنَا صَٰلِحٗا لَّنَكُونَنَّ مِنَ ٱلشَّٰكِرِينَ ﴿189﴾
فَلَمَّآ ءَاتَىٰهُمَا صَٰلِحٗا جَعَلَا لَهُۥ شُرَكَآءَ فِيمَآ ءَاتَىٰهُمَاۚ فَتَعَٰلَى
ٱللَّهُ عَمَّا يُشۡرِكُونَ ﴿190﴾ أَيُشۡرِكُونَ مَا لَا يَخۡلُقُ شَيۡـٔٗا وَهُمۡ يُخۡلَقُونَ
﴿191﴾ وَلَا يَسۡتَطِيعُونَ لَهُمۡ نَصۡرٗا وَلَآ أَنفُسَهُمۡ يَنصُرُونَ ﴿192﴾
وَإِن تَدۡعُوهُمۡ إِلَى ٱلۡهُدَىٰ لَا يَتَّبِعُوكُمۡۚ سَوَآءٌ عَلَيۡكُمۡ أَدَعَوۡتُمُوهُمۡ
أَمۡ أَنتُمۡ صَٰمِتُونَ ﴿193﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ تَدۡعُونَ مِن دُونِ ٱللَّهِ
عِبَادٌ أَمۡثَالُكُمۡۖ فَٱدۡعُوهُمۡ فَلۡيَسۡتَجِيبُواْ لَكُمۡ إِن
كُنتُمۡ صَٰدِقِينَ ﴿194﴾ أَلَهُمۡ أَرۡجُلٞ يَمۡشُونَ بِهَآ أَمۡ لَهُمۡ أَيۡدٖ
يَبۡطِشُونَ بِهَآ أَمۡ لَهُمۡ أَعۡيُنٞ يُبۡصِرُونَ بِهَآ أَمۡ لَهُمۡ ءَاذَانٞ
يَسۡمَعُونَ بِهَاۗ قُلِ ٱدۡعُواْ شُرَكَآءَكُمۡ ثُمَّ كِيدُونِ فَلَا تُنظِرُونِ ﴿195﴾

ربع الحزب 18

188. Għid *(Muħammad)*: "Jiena ma nistax inkun ta' siwi għalija nnifsi, jew ta' deni, ħlief dak li jrid Alla *(għalija)*, u kieku kont naf il-mistur, kont *(nara li)* nikseb aktar ġid, u li ma jmissnix id-deni. Jiena m'iniex għajr dak li jwissi u jagħti l-bxara t-tajba lil nies li jemmnu."

189. Huwa li ħalaqkom minn ruħ waħda *(Adam)*, u minnu għamel lil martu *(Eva)* biex jitwennes biha. U meta għattieha *(u ngħaqad magħha)*, *(għall-bidu)* ħoblot ħbiela ħafifa u ġarritha *(mingħajr tfixkil)*. Meta mbagħad *(maż-żmien dik il-ħbiela)* tqalet, huma t-tnejn sejħu lil Alla Sidhom *(u qalu)*: "Jekk tagħtina *(wild)* tajjeb, qawwi u sħiħ, aħna tassew niżżuk ħajr."

190. U meta *(lil nisel Adam u Eva)* tahom *(wild)* tajjeb, qawwi u sħiħ, huma t-tnejn *(il-ġenituri)* xierku *(lil ħaddieħor)* miegħu f'dak li *(Alla)* tahom. Alla wisq ogħla minn dak li *(il-pagani)* ixierku miegħu.

191. Jaqaw ixierku miegħu lil dawk li ma joħolqu xejn, iżda huma maħluqa?

192. Huma ma jistgħux jgħinuhom, u lanqas jistgħu jgħinu lilhom infushom.

193. U jekk issejħulhom lejn tmexxija tajba, ma jiġux warajkom. Xorta waħda għalikom, sew jekk issejħulhom, u sew jekk tibqgħu sektin.

194. Tabilħaqq li dawk li intom issejħu, minflok Alla, huma qaddejja bħalkom. Sejħulhom, u ħalluhom iweġbukom, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa.

195. Jaqaw għandhom riġlejn biex jimxu bihom, jew idejn biex jaħtfu bihom, jew għajnejn biex jaraw bihom, jew widnejn biex jisimgħu bihom? Għid *(Muħammad)*: "Sejħu lil *(dawn)* sħabkom *(u itolbuhom l-għajnuna)*, u onsbuni *(kemm tridu flimkien ma' l-allat tagħkom)*, u tagħtunix nifs!

إِنَّ وَلِيِّيَ ٱللَّهُ ٱلَّذِي نَزَّلَ ٱلْكِتَٰبَ ۖ وَهُوَ يَتَوَلَّى ٱلصَّٰلِحِينَ ﴿196﴾
وَٱلَّذِينَ تَدْعُونَ مِن دُونِهِۦ لَا يَسْتَطِيعُونَ نَصْرَكُمْ وَلَآ
أَنفُسَهُمْ يَنصُرُونَ ﴿197﴾ وَإِن تَدْعُوهُمْ إِلَى ٱلْهُدَىٰ لَا يَسْمَعُوا ۖ
وَتَرَىٰهُمْ يَنظُرُونَ إِلَيْكَ وَهُمْ لَا يُبْصِرُونَ ﴿198﴾ خُذِ ٱلْعَفْوَ وَأْمُرْ
بِٱلْعُرْفِ وَأَعْرِضْ عَنِ ٱلْجَٰهِلِينَ ﴿199﴾ وَإِمَّا يَنزَغَنَّكَ مِنَ
ٱلشَّيْطَٰنِ نَزْغٌ فَٱسْتَعِذْ بِٱللَّهِ ۚ إِنَّهُۥ سَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿200﴾ إِنَّ
ٱلَّذِينَ ٱتَّقَوْا۟ إِذَا مَسَّهُمْ طَٰٓئِفٌ مِّنَ ٱلشَّيْطَٰنِ تَذَكَّرُوا۟
فَإِذَا هُم مُّبْصِرُونَ ﴿201﴾ وَإِخْوَٰنُهُمْ يَمُدُّونَهُمْ فِى ٱلْغَىِّ ثُمَّ
لَا يُقْصِرُونَ ﴿202﴾ وَإِذَا لَمْ تَأْتِهِم بِـَٔايَةٍ قَالُوا۟ لَوْلَا ٱجْتَبَيْتَهَا ۚ
قُلْ إِنَّمَآ أَتَّبِعُ مَا يُوحَىٰٓ إِلَىَّ مِن رَّبِّى ۚ هَٰذَا بَصَآئِرُ مِن رَّبِّكُمْ
وَهُدًى وَرَحْمَةٌ لِّقَوْمٍ يُؤْمِنُونَ ﴿203﴾ وَإِذَا قُرِئَ ٱلْقُرْءَانُ
فَٱسْتَمِعُوا۟ لَهُۥ وَأَنصِتُوا۟ لَعَلَّكُمْ تُرْحَمُونَ ﴿204﴾ وَٱذْكُر رَّبَّكَ
فِى نَفْسِكَ تَضَرُّعًا وَخِيفَةً وَدُونَ ٱلْجَهْرِ مِنَ ٱلْقَوْلِ بِٱلْغُدُوِّ
وَٱلْـَٔاصَالِ وَلَا تَكُن مِّنَ ٱلْغَٰفِلِينَ ﴿205﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ عِندَ رَبِّكَ
لَا يَسْتَكْبِرُونَ عَنْ عِبَادَتِهِۦ وَيُسَبِّحُونَهُۥ وَلَهُۥ يَسْجُدُونَ ﴿206﴾

سجدة

196. Tabilħaqq li Alla huwa Dak li jħarisni, Dak li niżżel il-Ktieb. Huwa jieħu ħsieb il-ġusti.
197. U dawk *(l-allat)* li intom issejħu, minflok Alla, ma jistgħux jgħinukom, u lanqas jistgħu jgħinu lilhom infushom."
198. U jekk issejħulhom lejn it-tmexxija t-tajba, ma jisimgħux. Tarahom iħarsu lejk *(Muħammad)*, iżda huma ma jarawx.
199. Żomm mal-maħfra *(Muħammad)*, amar ix-xieraq, u warrab mill-injuranti!
200. U jekk jolqtok xi tkeskis għall-ħażen mix-Xitan, stkenn f'Alla. Huwa jisma' kollox u jaf kollox.
201. Tabilħaqq li dawk li għandhom il-biża' ta' Alla, meta jmisshom xi tiġrib mix-Xitan, jiftakru *(fil-kastig ta' Alla)* u ara, *(malajr jerġgħu)* jaraw *(is-sewwa)*.
202. Iżda ħuthom *(ix-xjaten li ssieħbu magħhom fil-ħażen)* iżidu jgħaddsuhom fil-ħtija, bla qatt ma jieqfu.
203. U jekk ma ġġibilhomx sinjal *(kif iriduk tagħmel)*, jgħidulek: "Għaliex ma qlajtx xi wieħed minn żniedek?" Għid*(ilhom)*: "Jiena nimxi biss fuq dak li jitnebbaħ lili mingħand Sidi. Dan *(il-Qoran)* huwa Dawl għall-moħħ minn Sidkom, u tmexxija tajba u ħniena għal nies li jemmnu."
204. U meta l-Qoran jinqara, isimgħuh u agħtu widen fis-skiet, biex forsi tintwera ħniena magħkom.
205. U ftakar f'Sidek *(Muħammad)* fik innifsek, bl-umiltà u bil-biża', mhux b'leħen għoli, filgħodu u filgħaxija, u la tkunx minn dawk ta' moħħ imtajjar.
206. Tabilħaqq li dawk *(l-anġli)* li jinsabu għand Sidek ma jitkabbrux fil-qima tiegħu. Huma jsebbħuh u jinxteħtu fl-art quddiemu.

سورة الأنفال

بسم الله الرحمن الرحيم

نصف الحزب 18

يَسْـَٔلُونَكَ عَنِ ٱلْأَنفَالِ ۖ قُلِ ٱلْأَنفَالُ لِلَّهِ وَٱلرَّسُولِ ۖ فَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ
وَأَصْلِحُوا۟ ذَاتَ بَيْنِكُمْ ۖ وَأَطِيعُوا۟ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥٓ إِن كُنتُم
مُّؤْمِنِينَ ﴿1﴾ إِنَّمَا ٱلْمُؤْمِنُونَ ٱلَّذِينَ إِذَا ذُكِرَ ٱللَّهُ وَجِلَتْ
قُلُوبُهُمْ وَإِذَا تُلِيَتْ عَلَيْهِمْ ءَايَٰتُهُۥ زَادَتْهُمْ إِيمَٰنًا وَعَلَىٰ رَبِّهِمْ
يَتَوَكَّلُونَ ﴿2﴾ ٱلَّذِينَ يُقِيمُونَ ٱلصَّلَوٰةَ وَمِمَّا رَزَقْنَٰهُمْ
يُنفِقُونَ ﴿3﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْمُؤْمِنُونَ حَقًّا ۚ لَّهُمْ دَرَجَٰتٌ عِندَ
رَبِّهِمْ وَمَغْفِرَةٌ وَرِزْقٌ كَرِيمٌ ﴿4﴾ كَمَآ أَخْرَجَكَ رَبُّكَ
مِنۢ بَيْتِكَ بِٱلْحَقِّ وَإِنَّ فَرِيقًا مِّنَ ٱلْمُؤْمِنِينَ لَكَٰرِهُونَ ﴿5﴾
يُجَٰدِلُونَكَ فِى ٱلْحَقِّ بَعْدَمَا تَبَيَّنَ كَأَنَّمَا يُسَاقُونَ إِلَى ٱلْمَوْتِ
وَهُمْ يَنظُرُونَ ﴿6﴾ وَإِذْ يَعِدُكُمُ ٱللَّهُ إِحْدَى ٱلطَّآئِفَتَيْنِ أَنَّهَا
لَكُمْ وَتَوَدُّونَ أَنَّ غَيْرَ ذَاتِ ٱلشَّوْكَةِ تَكُونُ لَكُمْ
وَيُرِيدُ ٱللَّهُ أَن يُحِقَّ ٱلْحَقَّ بِكَلِمَٰتِهِۦ وَيَقْطَعَ دَابِرَ ٱلْكَٰفِرِينَ
﴿7﴾ لِيُحِقَّ ٱلْحَقَّ وَيُبْطِلَ ٱلْبَٰطِلَ وَلَوْ كَرِهَ ٱلْمُجْرِمُونَ ﴿8﴾

8. *Sūratu l-'Anfāl*

(Suret il-Priża tat-Taqbida – Niżlet f'Medina b'75 vers)

F'Isem Alla Kollu Hniena, il-Hanin.

1. Jistaqsuk *(Muħammad)* fuq il-priża tat-taqbida *(ta' Badr, u kif se tinqasam.)* Għidil*(hom)*: "Il-priża tat-taqbida hija ta' Alla u tal-Mibgħut *(tiegħu)*. Mela ibżgħu minn Alla, sewwu *(l-inkwiet)* ta' bejnietkom, u oqogħdu għal Alla u għall-Mibgħut tiegħu, jekk intom temmnu!"
2. Dawk li jemmnu ma humiex għajr dawk li, meta jissemma' Alla, qlubhom jibżgħu, u meta jinqrawlhom il-versi tiegħu *(fil-Qoran)* jiżdiedu fit-twemmin u jħallu f'idejn Sidhom,
3. dawk li jagħmlu t-talb, u jonfqu *(għal ħaddieħor)* mill-ġid li tajniehom.
4. Dawk huma li jemmnu tassew. Tagħhom huma gradi *(ta' tjieba)* għand Sidhom, u maħfra u għajxien kotran.
5. Hekk ukoll Sidek ħarġek *(Muħammad)* minn darek bis-sewwa *(biex titqabad)*, minkejja li ġemgħa fost dawk li jemmnu stkerrhu *(din il-ħaġa)*,
6. u qagħdu jħaqquha miegħek dwar is-sewwa *(ta' l-għażla tiegħek li toħroġ għat-taqbida kontra l-pagani ta' Mekka)* wara li *(dan is-sewwa)* deher biċ-ċar, bħallikieku *(fiċ-ċertezza tagħhom li se jitilfu, stħajlu lilhom infushom)* misjuqin lejn il-mewt, filwaqt li kienu qegħdin jaraw *(dan iseħħ)*.
7. U *(ftakru)* meta Alla wegħedkom li waħda miż-żewġ ġemgħat *(jiġifieri jew il-karovana nieżla mis-Sirja, bil-ġid kollu tagħha, jew l-armata tat-tribù ta' Qurajx)* se tkun tagħkom. Intom xtaqtu li dik mingħajr armi tkun tagħkom. Iżda Alla ried li bil-kelmiet tiegħu jwettaq is-sewwa, u jaqta' *(u jġib fix-xejn)* dak li baqa' minn dawk li ma jemmnux.
8. Dan biex iwettaq is-sewwa *(ta' l-Islam)* u jġib fix-xejn il-qerq *(ta' dawk bla twemmin)*, anki jekk *(dan)* jistmerruh il-ħatjin.

إِذْ تَسْتَغِيثُونَ رَبَّكُمْ فَاسْتَجَابَ لَكُمْ أَنِّي مُمِدُّكُمْ بِأَلْفٍ
مِّنَ الْمَلَائِكَةِ مُرْدِفِينَ ﴿9﴾ وَمَا جَعَلَهُ اللَّهُ إِلَّا بُشْرَىٰ
وَلِتَطْمَئِنَّ بِهِ قُلُوبُكُمْ ۚ وَمَا النَّصْرُ إِلَّا مِنْ عِندِ اللَّهِ ۚ إِنَّ اللَّهَ
عَزِيزٌ حَكِيمٌ ﴿10﴾ إِذْ يُغَشِّيكُمُ النُّعَاسَ أَمَنَةً مِّنْهُ وَيُنَزِّلُ
عَلَيْكُم مِّنَ السَّمَاءِ مَاءً لِّيُطَهِّرَكُم بِهِ وَيُذْهِبَ عَنكُمْ رِجْزَ
الشَّيْطَانِ وَلِيَرْبِطَ عَلَىٰ قُلُوبِكُمْ وَيُثَبِّتَ بِهِ الْأَقْدَامَ ﴿11﴾
إِذْ يُوحِي رَبُّكَ إِلَى الْمَلَائِكَةِ أَنِّي مَعَكُمْ فَثَبِّتُوا الَّذِينَ آمَنُوا ۚ
سَأُلْقِي فِي قُلُوبِ الَّذِينَ كَفَرُوا الرُّعْبَ فَاضْرِبُوا فَوْقَ
الْأَعْنَاقِ وَاضْرِبُوا مِنْهُمْ كُلَّ بَنَانٍ ﴿12﴾ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمْ
شَاقُّوا اللَّهَ وَرَسُولَهُ ۚ وَمَن يُشَاقِقِ اللَّهَ وَرَسُولَهُ فَإِنَّ اللَّهَ
شَدِيدُ الْعِقَابِ ﴿13﴾ ذَٰلِكُمْ فَذُوقُوهُ وَأَنَّ لِلْكَافِرِينَ
عَذَابَ النَّارِ ﴿14﴾ يَا أَيُّهَا الَّذِينَ آمَنُوا إِذَا لَقِيتُمُ الَّذِينَ
كَفَرُوا زَحْفًا فَلَا تُوَلُّوهُمُ الْأَدْبَارَ ﴿15﴾ وَمَن يُوَلِّهِمْ يَوْمَئِذٍ
دُبُرَهُ إِلَّا مُتَحَرِّفًا لِّقِتَالٍ أَوْ مُتَحَيِّزًا إِلَىٰ فِئَةٍ فَقَدْ بَاءَ
بِغَضَبٍ مِّنَ اللَّهِ وَمَأْوَاهُ جَهَنَّمُ ۖ وَبِئْسَ الْمَصِيرُ ﴿16﴾

9. U *(ftakru wkoll)* meta tlabtu l-għajnuna ta' Sidkom *(biex joħroġkom rebbiħin fuq il-pagani ta' Mekka)*, u weġibkom: "Tabilħaqq ngħinkom b'elf anġlu, wieħed wara l-ieħor!"
10. *(Dan)* Alla ma għamlux jekk mhux bħala bxara tajba *(għalikom)*, u biex qlubkom isibu serħan bih. Ma hemmx rebħa ħlief mingħand Alla! Alla tabilħaqq Qawwi u Għaref.
11. U *(ftakru)* meta ġab fuqkom in-ngħas bi sliem mingħandu, u niżżel fuqkom ilma mis-sema biex isaffikom bih, ineħħi minn fuqkom it-tfesfis tax-Xitan *(li bih qagħad ibeżżagħkom bla waqfien)*, iqawwilkom qlubkom *(bit-tama tar-rebħa)*, u bih isaħħaħ ir-riġlejn.
12. U *(ftakar ukoll)* meta Sidek nebbaħ lill-anġli *(hekk)*: "Jiena magħkom! Mela saħħu *(bit-tama tar-rebħa)* lil dawk li jemmnu! Jiena se nixħet il-biża' fi qlub dawk li ma jemmnux. Mela olqtu*(hom)* fuq l-għenuq, u idorbulhom truf subgħajhom kollha!"
13. Dan minħabba li ħaduha kontra Alla u l-Mibgħut tiegħu. Min jeħodha kontra Alla u l-Mibgħut tiegħu, Alla tabilħaqq Qalil fil-kastig *(li jħejji għalih)*.
14. *(Jintqal lill-pagani)*: "Dak *(huwa l-kastig li ħaqqkom)*. Mela duquh, u *(kunu afu)* li għal dawk li ma jemmnux hemm il-kastig tan-Nar!"
15. Intom li temmnu, meta tiltaqgħu ma' dawk li ma jemmnux resqin lejkom għat-taqbid, la *(tibżgħux minnhom u)* tagħtuhomx daharkom *(biex taħarbu minnhom)*.
16. Dakinhar min jagħtihom dahru *(biex jaħrab)*, ħlief jekk jirtira biex wara jerġa' lura fit-taqbid, jew għaliex ikun sejjer jgħin ġemgħa *(oħra fit-taqbid)*, dan jiġbed fuqu għadab minn Alla, u l-kenn tiegħu jkun l-Infern. *(Dan ikun tassew)* tmiem ta' għajb!

فَلَمْ تَقْتُلُوهُمْ وَلَٰكِنَّ ٱللَّهَ قَتَلَهُمْ ۚ وَمَا رَمَيْتَ إِذْ رَمَيْتَ
وَلَٰكِنَّ ٱللَّهَ رَمَىٰ ۚ وَلِيُبْلِيَ ٱلْمُؤْمِنِينَ مِنْهُ بَلَآءً حَسَنًا ۚ
إِنَّ ٱللَّهَ سَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿17﴾ ذَٰلِكُمْ وَأَنَّ ٱللَّهَ مُوهِنُ كَيْدِ
ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿18﴾ إِن تَسْتَفْتِحُوا۟ فَقَدْ جَآءَكُمُ ٱلْفَتْحُ ۖ
وَإِن تَنتَهُوا۟ فَهُوَ خَيْرٌ لَّكُمْ ۖ وَإِن تَعُودُوا۟ نَعُدْ وَلَن تُغْنِىَ عَنكُمْ
فِئَتُكُمْ شَيْـًٔا وَلَوْ كَثُرَتْ وَأَنَّ ٱللَّهَ مَعَ ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿19﴾ يَٰٓأَيُّهَا
ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ أَطِيعُوا۟ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ وَلَا تَوَلَّوْا۟ عَنْهُ وَأَنتُمْ
تَسْمَعُونَ ﴿20﴾ وَلَا تَكُونُوا۟ كَٱلَّذِينَ قَالُوا۟ سَمِعْنَا وَهُمْ
لَا يَسْمَعُونَ ﴿21﴾ ۞ إِنَّ شَرَّ ٱلدَّوَآبِّ عِندَ ٱللَّهِ ٱلصُّمُّ ٱلْبُكْمُ
ٱلَّذِينَ لَا يَعْقِلُونَ ﴿22﴾ وَلَوْ عَلِمَ ٱللَّهُ فِيهِمْ خَيْرًا لَّأَسْمَعَهُمْ ۖ
وَلَوْ أَسْمَعَهُمْ لَتَوَلَّوا۟ وَّهُم مُّعْرِضُونَ ﴿23﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ ٱسْتَجِيبُوا۟ لِلَّهِ وَلِلرَّسُولِ إِذَا دَعَاكُمْ لِمَا يُحْيِيكُمْ ۖ
وَٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّ ٱللَّهَ يَحُولُ بَيْنَ ٱلْمَرْءِ وَقَلْبِهِۦ وَأَنَّهُۥٓ إِلَيْهِ
تُحْشَرُونَ ﴿24﴾ وَٱتَّقُوا۟ فِتْنَةً لَّا تُصِيبَنَّ ٱلَّذِينَ ظَلَمُوا۟
مِنكُمْ خَآصَّةً ۖ وَٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّ ٱللَّهَ شَدِيدُ ٱلْعِقَابِ ﴿25﴾

ثلاثة أرباع الحزب 18

17. Mhux intom qtiltuhom *(lill-pagani)*, iżda Alla qatilhom, u *(inti Muħammad)*, meta rmejt *(it-trab f'għajnejn il-pagani)*, ma kontx inti li rmejt, iżda Alla rema, biex iġarrab lil dawk li jemmnu b'tiġrib tajjeb mingħandu. Alla tabilħaqq jisma' kollox u jaf kollox.
18. Dak *(ġara tassew)*. Tabilħaqq li Alla jdgħajjef in-nasba ta' dawk li ma jemmnux.
19. *(Intom pagani ta' Mekka)* jekk titolbu r-rebħa *(fuq il-Misilmin)*, ir-rebħa issa ġietkom *(imma f'għamla ta' telfa kbira.)* Jekk tieqfu *(mill-ħbit tagħkom fuq dawk li jemmnu)*, ikun aħjar għalikom, iżda jekk terġgħu lura *(għat-taqbid)*, aħna nerġgħu lura *(ukoll)*, u xejn ma tiswielkom il-ġemgħa tagħkom, anki jekk kotrana. U *(kunu afu)* li Alla ma' dawk li jemmnu.
20. Intom li temmnu, oqogħdu għal Alla u għall-Mibgħut tiegħu, u la tagħtuhx daharkom *(u twebbsu qalbkom)* meta intom tisimgħu*(h iċċellimkom fil-Qoran)*!
21. La tkunux bħal dawk *(il-pagani)* li jgħidu: "Smajna," iżda ma jisimgħux *(tassew)*.
22. Tabilħaqq li l-agħar bhejjem għal Alla huma t-torox u l-imbikkma li ma jifhmux.
23. Li kieku Alla sab xi ħaġa tajba fihom, kien isemmagħhom. Iżda kieku għamilhom jisimgħu, *(xorta waħda)* kienu jagħtu daharhom u jwarrbu *(il-kelma ta' Alla)*.
24. Intom li temmnu, wieġbu lil Alla u lill-Mibgħut *(tiegħu)* meta jsejħilkom għal dak *(it-twemmin fil-Qoran)* li jagħtikom il-ħajja. U kunu afu li Alla *(jinfed u)* jidħol bejn il-bniedem u qalbu, u li għandu għad tingħabru.
25. U ibżgħu minn tiġrib li ma jolqotx biss lil dawk minnkom li dinbu. Kunu afu li Alla Qalil fil-kastig.

وَاذْكُرُوٓا۟ إِذْ أَنتُمْ قَلِيلٌ مُّسْتَضْعَفُونَ فِى ٱلْأَرْضِ تَخَافُونَ
أَن يَتَخَطَّفَكُمُ ٱلنَّاسُ فَـَٔاوَىٰكُمْ وَأَيَّدَكُم بِنَصْرِهِۦ وَرَزَقَكُم
مِّنَ ٱلطَّيِّبَٰتِ لَعَلَّكُمْ تَشْكُرُونَ ﴿26﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟
لَا تَخُونُوا۟ ٱللَّهَ وَٱلرَّسُولَ وَتَخُونُوٓا۟ أَمَٰنَٰتِكُمْ وَأَنتُمْ تَعْلَمُونَ
﴿27﴾ وَٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّمَآ أَمْوَٰلُكُمْ وَأَوْلَٰدُكُمْ فِتْنَةٌ وَأَنَّ ٱللَّهَ
عِندَهُۥٓ أَجْرٌ عَظِيمٌ ﴿28﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِن تَتَّقُوا۟
ٱللَّهَ يَجْعَل لَّكُمْ فُرْقَانًا وَيُكَفِّرْ عَنكُمْ سَيِّـَٔاتِكُمْ وَيَغْفِرْ
لَكُمْ ۗ وَٱللَّهُ ذُو ٱلْفَضْلِ ٱلْعَظِيمِ ﴿29﴾ وَإِذْ يَمْكُرُ بِكَ ٱلَّذِينَ
كَفَرُوا۟ لِيُثْبِتُوكَ أَوْ يَقْتُلُوكَ أَوْ يُخْرِجُوكَ ۚ وَيَمْكُرُونَ وَيَمْكُرُ
ٱللَّهُ ۖ وَٱللَّهُ خَيْرُ ٱلْمَٰكِرِينَ ﴿30﴾ وَإِذَا تُتْلَىٰ عَلَيْهِمْ ءَايَٰتُنَا
قَالُوا۟ قَدْ سَمِعْنَا لَوْ نَشَآءُ لَقُلْنَا مِثْلَ هَٰذَآ ۙ إِنْ هَٰذَآ إِلَّآ
أَسَٰطِيرُ ٱلْأَوَّلِينَ ﴿31﴾ وَإِذْ قَالُوا۟ ٱللَّهُمَّ إِن كَانَ هَٰذَا
هُوَ ٱلْحَقَّ مِنْ عِندِكَ فَأَمْطِرْ عَلَيْنَا حِجَارَةً مِّنَ ٱلسَّمَآءِ
أَوِ ٱئْتِنَا بِعَذَابٍ أَلِيمٍ ﴿32﴾ وَمَا كَانَ ٱللَّهُ لِيُعَذِّبَهُمْ
وَأَنتَ فِيهِمْ ۚ وَمَا كَانَ ٱللَّهُ مُعَذِّبَهُمْ وَهُمْ يَسْتَغْفِرُونَ ﴿33﴾

26. Ftakru meta *(intom, l-ewwel Misilmin f'Mekka)* kontu ftit u maħqurin fuq l-art *(fost il-pagani)*, tibżgħu li n-nies jaħtfukom, iżda *(Alla)* takom il-kenn *(fil-belt ta' Medina)*, u saħħaħkom bir-rebħa tiegħu, u takom mill-ħwejjeġ tajba għall-għajxien *(tagħkom, mill-priża li qbadtu)*, biex forsi tiżżu ħajr.

27. Intom li temmnu, la tittradixxux lil Alla u lill-Mibgħut, u la tittradixxux l-obbligazzjonijiet u l-ħwejjeġ fdati lilkom meta intom tafu *(li ma għandkomx tagħmlu hekk)*.

28. U kunu afu li ġidkom u wliedkom huma biss tiġrib *(mingħand Alla biex jara x'se tagħmlu bihom)*, u li Alla tabilħaqq għandu ħlas kbir.

29. Intom li temmnu, jekk tibżgħu minn Alla, jagħtikom qjies *(f'qalbkom li bih tkejlu t-tajjeb u l-ħażin)*, iħassrilkom l-għemejjel ħżiena tagħkom, u jaħfrilkom. Alla huwa ta' tjieba bla tarf.

30. Ftakar *(Muħammad)* meta dawk li ma jemmnux nassulek biex jaqbduk jew biex joqtluk, jew *(inkella)* biex ikeċċuk *(minn Mekka)*. Huma jnassu, u Alla jnasses, iżda Alla huwa l-Aqwa fost dawk li jnassu.

31. U meta l-versi tagħna jinqrawlhom, jgħidu: "Smajna *(dan qabel)*. Kieku ridna, stajna għedna *(kliem)* bħal dan. Dawn ma humiex għajr l-istejjer ta' nies il-qedem."

32. U *(ftakar)* meta qalu: "O Alla, jekk dan *(il-Qoran)* huwa s-sewwa mingħandek, mela niżżel fuqna xita ta' ġebel mis-sema *(bħalma niżżilt fuq nies Lot fl-imgħoddi)*, jew agħtina kastig ta' wġigħ."

33. Iżda Alla ma kienx se jikkastigahom waqt li inti *(Muħammad)* kont għadek fosthom *(f'Mekka)*. Lanqas ma kien se jikkastigahom ġaladarba *(kien għad hemm Misilmin li)* kienu jitolbuh il-maħfra.

وَمَا لَهُمْ أَلَّا يُعَذِّبَهُمُ اللَّهُ وَهُمْ يَصُدُّونَ عَنِ الْمَسْجِدِ
الْحَرَامِ وَمَا كَانُوا أَوْلِيَاءَهُ ۚ إِنْ أَوْلِيَاؤُهُ إِلَّا الْمُتَّقُونَ
وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿34﴾ وَمَا كَانَ صَلَاتُهُمْ
عِنْدَ الْبَيْتِ إِلَّا مُكَاءً وَتَصْدِيَةً ۚ فَذُوقُوا الْعَذَابَ
بِمَا كُنْتُمْ تَكْفُرُونَ ﴿35﴾ إِنَّ الَّذِينَ كَفَرُوا يُنْفِقُونَ
أَمْوَالَهُمْ لِيَصُدُّوا عَنْ سَبِيلِ اللَّهِ ۚ فَسَيُنْفِقُونَهَا ثُمَّ تَكُونُ
عَلَيْهِمْ حَسْرَةً ثُمَّ يُغْلَبُونَ ۗ وَالَّذِينَ كَفَرُوا إِلَىٰ جَهَنَّمَ
يُحْشَرُونَ ﴿36﴾ لِيَمِيزَ اللَّهُ الْخَبِيثَ مِنَ الطَّيِّبِ وَيَجْعَلَ
الْخَبِيثَ بَعْضَهُ عَلَىٰ بَعْضٍ فَيَرْكُمَهُ جَمِيعًا فَيَجْعَلَهُ
فِي جَهَنَّمَ ۚ أُولَٰئِكَ هُمُ الْخَاسِرُونَ ﴿37﴾ قُلْ لِلَّذِينَ
كَفَرُوا إِنْ يَنْتَهُوا يُغْفَرْ لَهُمْ مَا قَدْ سَلَفَ وَإِنْ يَعُودُوا
فَقَدْ مَضَتْ سُنَّتُ الْأَوَّلِينَ ﴿38﴾ وَقَاتِلُوهُمْ حَتَّىٰ
لَا تَكُونَ فِتْنَةٌ وَيَكُونَ الدِّينُ كُلُّهُ لِلَّهِ ۚ فَإِنِ
انْتَهَوْا فَإِنَّ اللَّهَ بِمَا يَعْمَلُونَ بَصِيرٌ ﴿39﴾ وَإِنْ تَوَلَّوْا
فَاعْلَمُوا أَنَّ اللَّهَ مَوْلَاكُمْ ۚ نِعْمَ الْمَوْلَىٰ وَنِعْمَ النَّصِيرُ ﴿40﴾

34. U x'*(argumenti)* għandhom biex Alla ma jikkastigahomx, meta huma jżommu *(lil ħaddieħor)* mill-Moskea mqaddsa *(f'Mekka u l-ewwel Misilmin kellhom jitilqu minn hemm)*, u ma kinux in-nies li jieħdu ħsiebha *(u jħarsuha)*. Tabilħaqq li dawk li jieħdu ħsiebha *(u jħarsuha)* huma biss dawk li jibżgħu minn Alla, iżda ħafna minnhom ma jafux.

35. It-talb tagħhom fid-dar *(ta' Alla)* ma huwiex għajr tisfir u ċapċip. Mela duqu l-kastig *(tat-telfa kbira li ġarrabtu fit-taqbida ta' Badr)*, talli ma kontux temmnu.

36. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux jonfqu ġidhom biex iżommu *(lil ħaddieħor)* mit-triq ta' Alla *(li hi l-Islam)*. Huma se jonfquh *(ġidhom kollu fit-taqbid kontra l-Misilmin)*. Imbagħad jisgħobbihom *(għaliex jintebħu li kien kollu għalxejn)*, u mbagħad jingħelbu. Dawk li ma jemmnux jinġabru fl-Infern,

37. biex Alla jnaqqi l-ħażin mit-tajjeb, u l-ħżiena jagħmilhom fuq xulxin, jgħabbihom *(gozz wieħed)* ilkoll, u jqegħedhom fl-Infern. Dawk huma t-tellifin.

38. Għid *(Muħammad)* lil dawk li ma jemmnux li, jekk jieqfu *(mill-ħażen tagħhom)*, jinħafrilhom dak li għadda, iżda jekk jerġgħu lura *(għalli kienu, ħa jkunu jafu li)* għaddiet *(qabilhom)* id-drawwa ta' nies il-qedem *(bħala twissija)*.

39. U tqatlu kontrihom sa ma jkunx hemm aktar tiġrib u moħqrija *(kontra l-Misilmin)*, u l-qima tkun kollha ta' Alla. Iżda jekk jieqfu *(mill-ostilità)*, Alla tabilħaqq jara kulma jagħmlu.

40. Iżda jekk jagħtu daharhom *(u ma jagħtux widen)*, kunu afu li Alla huwa l-Mulej tagħkom *(li jħariskom)*. Ma hemm ħadd aħjar minnu fil-ħarsien, u ħadd aħjar minnu fl-għajnuna.

۞ وَٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّمَا غَنِمْتُم مِّن شَىْءٍ فَأَنَّ لِلَّهِ خُمُسَهُۥ وَلِلرَّسُولِ
وَلِذِى ٱلْقُرْبَىٰ وَٱلْيَتَٰمَىٰ وَٱلْمَسَٰكِينِ وَٱبْنِ ٱلسَّبِيلِ إِن
كُنتُمْ ءَامَنتُم بِٱللَّهِ وَمَآ أَنزَلْنَا عَلَىٰ عَبْدِنَا يَوْمَ ٱلْفُرْقَانِ
يَوْمَ ٱلْتَقَى ٱلْجَمْعَانِ ۗ وَٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿41﴾ إِذْ
أَنتُم بِٱلْعُدْوَةِ ٱلدُّنْيَا وَهُم بِٱلْعُدْوَةِ ٱلْقُصْوَىٰ وَٱلرَّكْبُ
أَسْفَلَ مِنكُمْ ۚ وَلَوْ تَوَاعَدتُّمْ لَٱخْتَلَفْتُمْ فِى ٱلْمِيعَٰدِ ۙ
وَلَٰكِن لِّيَقْضِىَ ٱللَّهُ أَمْرًا كَانَ مَفْعُولًا لِّيَهْلِكَ مَنْ
هَلَكَ عَنۢ بَيِّنَةٍ وَيَحْيَىٰ مَنْ حَىَّ عَنۢ بَيِّنَةٍ ۗ وَإِنَّ ٱللَّهَ
لَسَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿42﴾ إِذْ يُرِيكَهُمُ ٱللَّهُ فِى مَنَامِكَ قَلِيلًا ۖ
وَلَوْ أَرَىٰكَهُمْ كَثِيرًا لَّفَشِلْتُمْ وَلَتَنَٰزَعْتُمْ فِى ٱلْأَمْرِ
وَلَٰكِنَّ ٱللَّهَ سَلَّمَ ۗ إِنَّهُۥ عَلِيمٌۢ بِذَاتِ ٱلصُّدُورِ ﴿43﴾ وَإِذْ
يُرِيكُمُوهُمْ إِذِ ٱلْتَقَيْتُمْ فِىٓ أَعْيُنِكُمْ قَلِيلًا وَيُقَلِّلُكُمْ
فِىٓ أَعْيُنِهِمْ لِيَقْضِىَ ٱللَّهُ أَمْرًا كَانَ مَفْعُولًا ۗ وَإِلَى ٱللَّهِ
تُرْجَعُ ٱلْأُمُورُ ﴿44﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِذَا لَقِيتُمْ فِئَةً
فَٱثْبُتُوا۟ وَٱذْكُرُوا۟ ٱللَّهَ كَثِيرًا لَّعَلَّكُمْ تُفْلِحُونَ ﴿45﴾

41. U kunu afu li wieħed minn ħamsa mill-priża li taqbdu *(fit-taqbid)* huwa għal Alla u għall-Mibgħut, u għall-qraba *(il-fqar tal-Mibgħut)*, u għall-iltiema u għall-fqar u għal min iterraq, jekk tassew temmnu f'Alla u f'dak li niżżilna fuq il-qaddej tagħna f'jum l-għażla *(bejn it-tajjeb u l-ħażin, fit-taqbida ta' Badr)*, fil-jum meta ż-żewġ ġemgħat iltaqgħu *(biex jitqabdu)*. Alla fuq kollox Setgħan.

42. *(U ftakar Muħammad)* meta kontu fuq l-eqreb xaqliba *(tal-wied, fuq in-naħa ta' Medina)* u huma fuq ix-xaqliba l-aktar imbiegħda *(tal-wied)*, u l-karovana *(ta' Qurajx)* kienet 'l isfel minnkom *(fil-wita qrib xatt il-baħar)*. Li kieku wegħedtu lil xulxin *(meta u fejn tiltaqgħu)*, ma kontux iżżommu l-wegħda *(u ma kontux tiltaqgħu minħabba li kontu tibżgħu minn xulxin)*, iżda *(il-laqgħa tagħkom seħħet)* biex Alla jġib fis-seħħ ħaġa li kienet maħsuba *(minn qabel)*: biex min *(dakinhar kellu)* jinqered *(għaliex mingħajr twemmin)*, jinqered b'sinjal ċar *(tal-qawwa tiegħu)*, u min baqa' ħaj *(bit-twemmin)*; jgħix *(huwa ukoll)* b'sinjal ċar. Tabilħaqq li Alla jisma' kollox u jaf kollox.

43. *(Ftakar ukoll Muħammad)* meta Alla wrihomlok *(l-għedewwa)* fil-ħolma tiegħek bħallikieku kienu ftit *(u mtlejt kuraġġ)*. U li kieku wrihomlok bħallikieku kienu ħafna, kontu tinfixlu *(u taqtgħu qalbkom)*, u kontu titlewmu dwar *(din)* il-ħaġa *(tat-taqbid)*, iżda Alla ħeles *(lilkom mit-taħwid)*. Tabilħaqq li huwa jaf b'dak li hemm fil-qlub.

44. U *(ftakar)* meta ltqajtu *(intom il-Misilmin u l-għadu tagħkom fit-taqbida ta' Badr. Alla)* wrihomlkom *(l-għedewwa tagħkom)* bħallikieku kienu ftit f'għajnejkom, u *(fl-istess ħin)* ċekkinkom f'għajnejhom, biex iġib fis-seħħ ħaġa li kienet maħsuba *(minn qabel)*. Kollox jitreġġa' lura għand Alla *(għall-Ġudizzju tiegħu)*.

45. Intom li temmnu, meta tiltaqgħu ma' ġemgħa *(fit-taqbid)*, żommu sħiħ u ftakru ħafna f'Alla *(u faħħruh)*, biex forsi toħorġu rebbieħin.

وَأَطِيعُوا۟ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ وَلَا تَنَٰزَعُوا۟ فَتَفْشَلُوا۟ وَتَذْهَبَ رِيحُكُمْ ۖ
وَٱصْبِرُوٓا۟ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ مَعَ ٱلصَّٰبِرِينَ ﴿46﴾ وَلَا تَكُونُوا۟ كَٱلَّذِينَ
خَرَجُوا۟ مِن دِيَٰرِهِم بَطَرًا وَرِئَآءَ ٱلنَّاسِ وَيَصُدُّونَ
عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ ۚ وَٱللَّهُ بِمَا يَعْمَلُونَ مُحِيطٌ ﴿47﴾ وَإِذْ زَيَّنَ لَهُمُ
ٱلشَّيْطَٰنُ أَعْمَٰلَهُمْ وَقَالَ لَا غَالِبَ لَكُمُ ٱلْيَوْمَ مِنَ
ٱلنَّاسِ وَإِنِّى جَارٌ لَّكُمْ ۖ فَلَمَّا تَرَٰٓءَتِ ٱلْفِئَتَانِ نَكَصَ
عَلَىٰ عَقِبَيْهِ وَقَالَ إِنِّى بَرِىٓءٌ مِّنكُمْ إِنِّىٓ أَرَىٰ مَا لَا تَرَوْنَ
إِنِّىٓ أَخَافُ ٱللَّهَ ۚ وَٱللَّهُ شَدِيدُ ٱلْعِقَابِ ﴿48﴾ إِذْ يَقُولُ
ٱلْمُنَٰفِقُونَ وَٱلَّذِينَ فِى قُلُوبِهِم مَّرَضٌ غَرَّ هَٰٓؤُلَآءِ دِينُهُمْ ۗ
وَمَن يَتَوَكَّلْ عَلَى ٱللَّهِ فَإِنَّ ٱللَّهَ عَزِيزٌ حَكِيمٌ ﴿49﴾
وَلَوْ تَرَىٰٓ إِذْ يَتَوَفَّى ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ ٱلْمَلَٰٓئِكَةُ يَضْرِبُونَ
وُجُوهَهُمْ وَأَدْبَٰرَهُمْ وَذُوقُوا۟ عَذَابَ ٱلْحَرِيقِ ﴿50﴾ ذَٰلِكَ
بِمَا قَدَّمَتْ أَيْدِيكُمْ وَأَنَّ ٱللَّهَ لَيْسَ بِظَلَّٰمٍ لِّلْعَبِيدِ ﴿51﴾
كَدَأْبِ ءَالِ فِرْعَوْنَ وَٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ ۚ كَفَرُوا۟ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ
فَأَخَذَهُمُ ٱللَّهُ بِذُنُوبِهِمْ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ قَوِىٌّ شَدِيدُ ٱلْعِقَابِ ﴿52﴾

46. U oqogħdu għal Alla u għall-Mibgħut tiegħu *(f'kulma tagħmlu)*, u la titlewmux, li ma tinfixlux *(u taqtgħu qalbkom)* u qawwitkom titlaq*(kom)*. U stabru *(fit-taqbid)*; Alla tabilħaqq ma' dawk li jistabru.

47. U la tkunux bħal dawk *(minn nies Qurajx)* li ħarġu minn djarhom *(għat-taqbida ta' Badr)* imkabbrin, għal għajnejn in-nies, u jżommu *(lil ħaddieħor)* mit-triq ta' Alla *(li hija l-Islam)*. Alla jaf sewwa b'dak li jagħmlu.

48. *(U ftakar Muħammad)* meta x-Xitan żejnilhom l-għemejjel tagħhom *(lill-pagani)*, u qal*(ilhom)*: "Illum ħadd minn fost in-nies ma jegħlibkom, filwaqt li jiena nhariskom." Iżda meta ż-żewġ ġemgħat raw lil xulxin, dawwar denbu u qal: "Jiena ma għandix x'naqsam magħkom. Jiena nara dak li intom ma tarawx, u jiena nibża' minn Alla, għaliex Alla huwa Qalil fil-kastig."

49. *(Ftakar ukoll)* meta dawk ta' wiċċ b'ieħor u dawk b'marda fi qlubhom qalu: "Dawn, ir-reliġjon tagħhom qarrqet bihom." Iżda min iħalli f'idejn Alla *(isib li)* Alla tabilħaqq Qawwi u Għaref.

50. Li kieku tista' tara *(Muħammad id-dehra)* meta l-anġli jieħdu l-erwieħ ta' dawk li ma jemmnux *(li ġġieldu fit-taqbida ta' Badr kontra l-Misilmin)*, *(kif)* jidorbuhom fuq wiċċhom u fuq daharhom *(filwaqt li jgħidulhom)*: "Duqu l-kastig tan-Nar iħeġġeġ!

51. Dan minħabba *(il-ħażen)* li għamlu idejkom, għaliex Alla ma jonqosx lejn il-qaddejja tiegħu."

52. *(Ħażina triqithom)* bħal ta' nies il-Fargħun, u dawk ta' qabilhom. Huma ċaħdu s-sinjali ta' Alla, u Alla kkastigahom ta' dnubiethom. Alla tabilħaqq Qawwi, u Qalil fil-kastig.

ذَٰلِكَ بِأَنَّ ٱللَّهَ لَمْ يَكُ مُغَيِّرًا نِّعْمَةً أَنْعَمَهَا عَلَىٰ قَوْمٍ حَتَّىٰ يُغَيِّرُوا۟
مَا بِأَنفُسِهِمْ ۙ وَأَنَّ ٱللَّهَ سَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿53﴾ كَدَأْبِ ءَالِ
فِرْعَوْنَ ۙ وَٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ ۚ كَذَّبُوا۟ بِـَٔايَٰتِ رَبِّهِمْ فَأَهْلَكْنَٰهُم
بِذُنُوبِهِمْ وَأَغْرَقْنَآ ءَالَ فِرْعَوْنَ ۚ وَكُلٌّ كَانُوا۟ ظَٰلِمِينَ ﴿54﴾
إِنَّ شَرَّ ٱلدَّوَآبِّ عِندَ ٱللَّهِ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ فَهُمْ لَا يُؤْمِنُونَ ﴿55﴾
ٱلَّذِينَ عَٰهَدتَّ مِنْهُمْ ثُمَّ يَنقُضُونَ عَهْدَهُمْ فِى كُلِّ مَرَّةٍ
وَهُمْ لَا يَتَّقُونَ ﴿56﴾ فَإِمَّا تَثْقَفَنَّهُمْ فِى ٱلْحَرْبِ فَشَرِّدْ بِهِم
مَّنْ خَلْفَهُمْ لَعَلَّهُمْ يَذَّكَّرُونَ ﴿57﴾ وَإِمَّا تَخَافَنَّ مِن
قَوْمٍ خِيَانَةً فَٱنۢبِذْ إِلَيْهِمْ عَلَىٰ سَوَآءٍ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يُحِبُّ ٱلْخَآئِنِينَ
﴿58﴾ وَلَا يَحْسَبَنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ سَبَقُوٓا۟ ۚ إِنَّهُمْ لَا يُعْجِزُونَ ﴿59﴾
وَأَعِدُّوا۟ لَهُم مَّا ٱسْتَطَعْتُم مِّن قُوَّةٍ وَمِن رِّبَاطِ ٱلْخَيْلِ
تُرْهِبُونَ بِهِۦ عَدُوَّ ٱللَّهِ وَعَدُوَّكُمْ وَءَاخَرِينَ مِن دُونِهِمْ
لَا تَعْلَمُونَهُمُ ٱللَّهُ يَعْلَمُهُمْ ۚ وَمَا تُنفِقُوا۟ مِن شَىْءٍ فِى سَبِيلِ
ٱللَّهِ يُوَفَّ إِلَيْكُمْ وَأَنتُمْ لَا تُظْلَمُونَ ﴿60﴾ ۞ وَإِن جَنَحُوا۟
لِلسَّلْمِ فَٱجْنَحْ لَهَا وَتَوَكَّلْ عَلَى ٱللَّهِ ۚ إِنَّهُۥ هُوَ ٱلسَّمِيعُ ٱلْعَلِيمُ ﴿61﴾

ربع الحزب 19

53. Dan minħabba li Alla qatt ma jibdel il-grazzja li jkun ta lil xi nies qabel ma *(dawn)* jibdlu dak li hemm fihom infushom *(u jidinbu kontrih)*. Alla jisma' kollox u jaf kollox.

54. *(L-għemejjel tagħhom)* bħal ta' nies il-Fargħun u ta' dawk ta' qabilhom. Huma giddbu s-sinjali tal-Mulej tagħhom. Għalhekk qridniehom minħabba dnubiethom, u għerriqna nies il-Fargħun. Huma kienu kollha ħżiena.

55. Tabilħaqq li għal Alla, l-agħar fost il-ħlejjaq huma dawk li ċaħdu, u ma jemmnux,

56. dawk li dħalt f'rabta magħhom *(biex ma jgħinux lill-pagani)*, imbagħad kull darba jiksru l-patt tagħhom *(miegħek)*. Huma ma jibżgħux minn Alla.

57. Mela jekk tassew *(iseħħlek)* taqbadhom fil-gwerra *(ikkastigahom, u beżża' u)* xerred lil dawk li hemm warajhom, biex forsi jiftakru.

58. U jekk tassew tibża' *(Muħammad)* mit-tradiment ta' xi nies, itfagħlhom lura *(il-patt tiegħek magħhom, u għarrafhom li se titqabad kontrihom, u b'hekk tiġu)* indaqs *(u tafu fiex qegħdin)*. Tabilħaqq li Alla ma jħobbx lit-traduturi.

59. Dawk li ma jemmnux ma għandhom qatt jaħsbu li se jaħarbu*(lna minkejja li ħelsuha mill-mewt fit-taqbida ta' Badr)*. Tabilħaqq li ma jistgħux jaħarbu l-kastig ta' Alla.

60. Ħejju kontrihom *(l-għedewwa)* kemm tistgħu qawwiet u qtajja' ta' żwiemel li bihom tbeżżgħu l-għadu ta' Alla u l-għadu tagħkom, *(u tbeżżgħu wkoll nies)* oħra barra minnhom li intom ma tafuhomx *(u għalhekk ma tafux il-ħażen u l-qerq tagħhom, iżda lil dawn)* jafhom Alla. Kull ħaġa li tonfqu għal Alla, titħallsilkom sħiħ *(f'din id-dinja u fl-Aħħar Jum)*, u ma tmorrux minn taħt.

61. Iżda jekk *(l-għedewwa)* imilu lejn is-sliem, mela mil lejh *(lejn is-sliem inti wkoll Muħammad)*, u ħalli f'idejn Alla. Huwa tabilħaqq jisma' kollox u jaf kollox.

وَإِن يُرِيدُوٓا۟ أَن يَخْدَعُوكَ فَإِنَّ حَسْبَكَ ٱللَّهُ ۚ هُوَ ٱلَّذِىٓ أَيَّدَكَ
بِنَصْرِهِۦ وَبِٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿62﴾ وَأَلَّفَ بَيْنَ قُلُوبِهِمْ ۚ لَوْ أَنفَقْتَ
مَا فِى ٱلْأَرْضِ جَمِيعًا مَّآ أَلَّفْتَ بَيْنَ قُلُوبِهِمْ وَلَٰكِنَّ
ٱللَّهَ أَلَّفَ بَيْنَهُمْ ۚ إِنَّهُۥ عَزِيزٌ حَكِيمٌ ﴿63﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّبِىُّ حَسْبُكَ
ٱللَّهُ وَمَنِ ٱتَّبَعَكَ مِنَ ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿64﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّبِىُّ حَرِّضِ
ٱلْمُؤْمِنِينَ عَلَى ٱلْقِتَالِ ۚ إِن يَكُن مِّنكُمْ عِشْرُونَ صَٰبِرُونَ
يَغْلِبُوا۟ مِاْئَتَيْنِ ۚ وَإِن يَكُن مِّنكُم مِّاْئَةٌ يَغْلِبُوٓا۟ أَلْفًا مِّنَ
ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ بِأَنَّهُمْ قَوْمٌ لَّا يَفْقَهُونَ ﴿65﴾ ٱلْـَٰٔنَ خَفَّفَ
ٱللَّهُ عَنكُمْ وَعَلِمَ أَنَّ فِيكُمْ ضَعْفًا ۚ فَإِن يَكُن مِّنكُم مِّاْئَةٌ
صَابِرَةٌ يَغْلِبُوا۟ مِاْئَتَيْنِ ۚ وَإِن يَكُن مِّنكُمْ أَلْفٌ يَغْلِبُوٓا۟ أَلْفَيْنِ
بِإِذْنِ ٱللَّهِ ۗ وَٱللَّهُ مَعَ ٱلصَّٰبِرِينَ ﴿66﴾ مَا كَانَ لِنَبِىٍّ أَن يَكُونَ
لَهُۥٓ أَسْرَىٰ حَتَّىٰ يُثْخِنَ فِى ٱلْأَرْضِ ۚ تُرِيدُونَ عَرَضَ ٱلدُّنْيَا
وَٱللَّهُ يُرِيدُ ٱلْـَٔاخِرَةَ ۗ وَٱللَّهُ عَزِيزٌ حَكِيمٌ ﴿67﴾ لَّوْلَا كِتَٰبٌ مِّنَ
ٱللَّهِ سَبَقَ لَمَسَّكُمْ فِيمَآ أَخَذْتُمْ عَذَابٌ عَظِيمٌ ﴿68﴾ فَكُلُوا۟ مِمَّا
غَنِمْتُمْ حَلَٰلًا طَيِّبًا ۚ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿69﴾

62. Iżda jekk ikunu jridu jqarrqu bik *(u mhux veru li jridu s-sliem)*, tabilħaqq li Alla jkun biżżejjed għalik. Huwa li qawwiek bl-għajnuna tiegħu u b'dawk li jemmnu.

63. *(Mhux biss, talli kien Hu)* li ġab l-għaqda fi qlubhom. Li kieku nfaqt kulma jinsab fuq l-art, ma kontx iġġib *(dik)* l-għaqda fi qlubhom, iżda Alla għaqqadhom *(għax huwa Sid il-qlub)*. Huwa tabilħaqq Qawwi u Għaref.

64. Ja Profeta, Alla huwa biżżejjed għalik *(u għal)* dawk li jemmnu li jimxu warajk.

65. Ja Profeta, ħeġġeġ dawk li jemmnu biex jitqatlu. Jekk hemm fostkom għoxrin *(ruħ)* ta' sabar, *(dawn)* jegħlbu mitejn, u jekk fostkom hemm mija, *(dawn)* jegħlbu elf minn dawk li ma jemmnux, għaliex *(dawk ta' bla twemmin)* huma nies li ma jifhmux *(l-għerf ta' Alla)*.

66. Issa Alla ħaffifilkom *(it-toqol li kellkom fuqkom bħala Misilmin)*, u jaf li fikom hemm id-dgħufija *(u għalhekk ħenn għalikom fit-taqbid)*. Jekk fostkom hemm mitt *(ruħ)* ta' sabar, *(dawn)* jegħlbu mitejn, u jekk fostkom hemm elf, *(dawn)* jegħlbu elfejn, bir-rieda ta' Alla. Alla huwa ma' dawk li jistabru.

67. Ma jixraqx li Profeta jżomm ilsiera *(tal-gwerra)* qabel ma jkun qatel ħafna *(mill-għedewwa)* fuq l-art *(biex ibeżża' lill-oħrajn)*. Intom tridu *(tiksbu)* dak li jgħaddi *(fil-ħajja ta' din)* id-dinja, iżda Alla jrid *(li tiksbu l-aħjar ħlas fil-Ħajja)* l-Oħra. Alla huwa Qawwi u Għaref.[47]

68. Li kieku mhux minħabba digriet ta' Alla li kien laħaq ħareġ, *(li min jiżbalja fil-ħsieb, b'intenzjoni tajba, ma jkunx ikkastigat)*, kieku kien imisskom kastig mill-kbar minħabba dak li ħadtu *(fi flus tal-fidwa ta' l-ilsiera tal-gwerra)*.

69. Mela *(issa)* gawdu l-priża *(tal-gwerra)* li qbadtu, li tiswa u hija tajba *(għalikom)*. U ibżgħu minn Alla. Tabilħaqq li Alla Kollu Maħfra u Ħanin.

---

[47] Ara n-nota fit-taqsima "Badr" fit-Tagħrif Ġenerali.

يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّبِيُّ قُل لِّمَن فِيٓ أَيۡدِيكُم مِّنَ ٱلۡأَسۡرَىٰٓ إِن يَعۡلَمِ ٱللَّهُ
فِي قُلُوبِكُمۡ خَيۡرٗا يُؤۡتِكُمۡ خَيۡرٗا مِّمَّآ أُخِذَ مِنكُمۡ وَيَغۡفِرۡ لَكُمۡۚ
وَٱللَّهُ غَفُورٞ رَّحِيمٞ ﴿70﴾ وَإِن يُرِيدُواْ خِيَانَتَكَ فَقَدۡ خَانُواْ
ٱللَّهَ مِن قَبۡلُ فَأَمۡكَنَ مِنۡهُمۡۚ وَٱللَّهُ عَلِيمٌ حَكِيمٌ ﴿71﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ
ءَامَنُواْ وَهَاجَرُواْ وَجَٰهَدُواْ بِأَمۡوَٰلِهِمۡ وَأَنفُسِهِمۡ فِي سَبِيلِ
ٱللَّهِ وَٱلَّذِينَ ءَاوَواْ وَّنَصَرُوٓاْ أُوْلَٰٓئِكَ بَعۡضُهُمۡ أَوۡلِيَآءُ بَعۡضٖۚ وَٱلَّذِينَ
ءَامَنُواْ وَلَمۡ يُهَاجِرُواْ مَا لَكُم مِّن وَلَٰيَتِهِم مِّن شَيۡءٍ حَتَّىٰ يُهَاجِرُواْۚ
وَإِنِ ٱسۡتَنصَرُوكُمۡ فِي ٱلدِّينِ فَعَلَيۡكُمُ ٱلنَّصۡرُ إِلَّا عَلَىٰ قَوۡمِۭ
بَيۡنَكُمۡ وَبَيۡنَهُم مِّيثَٰقٞۗ وَٱللَّهُ بِمَا تَعۡمَلُونَ بَصِيرٞ ﴿72﴾ وَٱلَّذِينَ
كَفَرُواْ بَعۡضُهُمۡ أَوۡلِيَآءُ بَعۡضٍۚ إِلَّا تَفۡعَلُوهُ تَكُن فِتۡنَةٞ فِي
ٱلۡأَرۡضِ وَفَسَادٞ كَبِيرٞ ﴿73﴾ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ وَهَاجَرُواْ
وَجَٰهَدُواْ فِي سَبِيلِ ٱللَّهِ وَٱلَّذِينَ ءَاوَواْ وَّنَصَرُوٓاْ أُوْلَٰٓئِكَ هُمُ
ٱلۡمُؤۡمِنُونَ حَقّٗاۚ لَّهُم مَّغۡفِرَةٞ وَرِزۡقٞ كَرِيمٞ ﴿74﴾ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ مِنۢ
بَعۡدُ وَهَاجَرُواْ وَجَٰهَدُواْ مَعَكُمۡ فَأُوْلَٰٓئِكَ مِنكُمۡۚ وَأُوْلُواْ ٱلۡأَرۡحَامِ
بَعۡضُهُمۡ أَوۡلَىٰ بِبَعۡضٖ فِي كِتَٰبِ ٱللَّهِۗ إِنَّ ٱللَّهَ بِكُلِّ شَيۡءٍ عَلِيمُۢ ﴿75﴾

70. Ja Profeta, għid lill-ilsiera li għandkom f'idejkom *(wara t-taqbida ta' Badr)*: "Jekk Alla jsib xi ġid fi qlubkom, jagħtikom dak li huwa aħjar minn dak li ttieħed minnkom, u jaħfrilkom. Alla Kollu Maħfra u Ħanin."

71. Iżda jekk iridu jittraduk *(Muħammad, u juruk wiċċ b'ieħor, kun af li)* huma tassew ittradew lil Alla *(qabel it-taqbida ta' Badr)*, hekk li ta*(k)* is-setgħa fuqhom. Alla jaf kollox u Għaref.

72. Tabilħaqq li dawk li emmnu, emigraw *(minn Mekka, art twelidhom)* u b'ġidhom u bihom infushom tqabdu għal Alla, kif ukoll dawk *(minn fost nies Medina)* li taw*(hom)* kenn u għenu*(hom)*, dawn jidħlu għal xulxin *(u l-ġid jinqasam bejniethom)*. U dawk li emmnu, iżda m'emigrawx, m'intomx marbutin li tħarsuhom, qabel ma jemigraw. Iżda jekk jitolbukom l-għajnuna dwar *(ħwejjeġ li jolqtu)* ir-reliġjon, għandkom *(id-dmir)* tgħinuhom *(kontra l-għedewwa tagħhom, għaliex huma ħutkom)*, ħlief *(jekk jitolbukom tgħinuhom kontra)* dawk li magħhom għandkom patt. Alla jara sew dak li tagħmlu.

73. U dawk li ma jemmnux, iħarsu lil xulxin. U jekk ma tagħmlux dan *(li ntqalilkom, jiġifieri li tħallu l-pagani u tingħaqdu ma' dawk li jemmnu)*, ikun hemm taħwid fuq l-art u ħsara kbira.

74. Dawk li emmnu, emigraw *(minn Mekka)* u tqabdu għal Alla, u dawk *(minn fost nies Medina)* li taw*(hom)* kenn u għenu*(hom)*, dawk huma li jemmnu tassew. Tagħhom il-maħfra u ġid kbir *(fil-Ġenna)*.

75. U dawk li, wara, emmnu, emigraw u tqabdu *(għat-twemmin)* flimkien magħkom, dawk huma minnkom *(u magħkom)*. Iżda *(f'dak li huwa l-wirt)* il-qraba ta' ġewwa huma eqreb lejn xulxin fil-Ktieb ta' Alla. Tabilħaqq li Alla jaf b'kollox.

سورة التوبة

نصف الحزب 19

بَرَآءَةٌ مِّنَ ٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦٓ إِلَى ٱلَّذِينَ عَٰهَدتُّم مِّنَ ٱلْمُشْرِكِينَ ﴿1﴾
فَسِيحُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ أَرْبَعَةَ أَشْهُرٍ وَٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّكُمْ غَيْرُ مُعْجِزِى
ٱللَّهِ ۙ وَأَنَّ ٱللَّهَ مُخْزِى ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿2﴾ وَأَذَٰنٌ مِّنَ ٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦٓ
إِلَى ٱلنَّاسِ يَوْمَ ٱلْحَجِّ ٱلْأَكْبَرِ أَنَّ ٱللَّهَ بَرِىٓءٌ مِّنَ ٱلْمُشْرِكِينَ ۙ
وَرَسُولُهُۥ ۚ فَإِن تُبْتُمْ فَهُوَ خَيْرٌ لَّكُمْ ۖ وَإِن تَوَلَّيْتُمْ فَٱعْلَمُوٓا۟
أَنَّكُمْ غَيْرُ مُعْجِزِى ٱللَّهِ ۗ وَبَشِّرِ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ بِعَذَابٍ أَلِيمٍ
﴿3﴾ إِلَّا ٱلَّذِينَ عَٰهَدتُّم مِّنَ ٱلْمُشْرِكِينَ ثُمَّ لَمْ يَنقُصُوكُمْ
شَيْـًٔا وَلَمْ يُظَٰهِرُوا۟ عَلَيْكُمْ أَحَدًا فَأَتِمُّوٓا۟ إِلَيْهِمْ عَهْدَهُمْ إِلَىٰ
مُدَّتِهِمْ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ يُحِبُّ ٱلْمُتَّقِينَ ﴿4﴾ فَإِذَا ٱنسَلَخَ ٱلْأَشْهُرُ ٱلْحُرُمُ
فَٱقْتُلُوا۟ ٱلْمُشْرِكِينَ حَيْثُ وَجَدتُّمُوهُمْ وَخُذُوهُمْ وَٱحْصُرُوهُمْ
وَٱقْعُدُوا۟ لَهُمْ كُلَّ مَرْصَدٍ ۚ فَإِن تَابُوا۟ وَأَقَامُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ
وَءَاتَوُا۟ ٱلزَّكَوٰةَ فَخَلُّوا۟ سَبِيلَهُمْ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿5﴾
وَإِنْ أَحَدٌ مِّنَ ٱلْمُشْرِكِينَ ٱسْتَجَارَكَ فَأَجِرْهُ حَتَّىٰ يَسْمَعَ
كَلَٰمَ ٱللَّهِ ثُمَّ أَبْلِغْهُ مَأْمَنَهُۥ ۚ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمْ قَوْمٌ لَّا يَعْلَمُونَ ﴿6﴾

9. *Sūratu t-Tawba*

(Suret l-Indiema – Niżlet f'Medina b'129 vers)

1. Stqarrija minn Alla u mill-Mibgħut tiegħu *(Muħammad)* dwar ħelsien minn obbligu lil dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla)* li dħaltu f'patt magħhom:
2. terrqu *(intom il-pagani li xxierku allat oħra ma' Alla)* ma' l-art *(kollha)* għal erba' xhur *(u ebda deni ma huwa se jmisskom)* iżda kunu afu li intom m'intomx se taħarbu lil Alla, u li Alla tabilħaqq ikasbar lil dawk li ma jemmnux.
3. U taħbira minn Alla u mill-Mibgħut tiegħu lin-nies *(miġbura flimkien)* f'jum il-pellegrinaġġ il-kbir: li Alla u l-Mibgħut tiegħu huma ħielsa minn dawk li jxierku *(u ma għandhom ebda obbligu lejhom)*. Jekk tindmu *(u tibdew temmnu f'Alla wieħed)* dan ikun aħjar għalikom, iżda jekk tagħtu daharkom *(u ma tagħtux widen)*, kunu afu li m'intomx se taħarbu lil Alla. Agħti l-bxara *(Muħammad)* lil dawk li ma jemmnux dwar kastig ta' wġigħ,
4. ħlief dawk *(il-pagani)* li jxierku, li dħaltu f'patt magħhom u żammuh u ma naqsukom f'xejn, u lanqas ma għenu lil ħaddieħor *(minn fost l-għedewwa tagħkom)* kontrikom. Mela żommu l-pattijiet *(li għandkom)* magħhom sa tmiemhom. Tabilħaqq li Alla jħobb lil dawk li jibżgħu minnu *(u jafu jżommu patt)*.
5. Iżda meta x-xhur imqaddsa jgħaddu, oqtlu *(lill-pagani)* li jxierku, kull fejn issibuhom, aqbduhom *(ilsiera)*, dawruhom *(minn kullimkien)*, u oqogħdulhom f'kull moħba. Iżda jekk jindmu, jagħmlu t-talb u jagħtu l-karità, eħilsuhom. Tabilħaqq li Alla Kollu Maħfra u Ħanin.
6. Jekk wieħed minn dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla)* jitolbok tħarsu, agħtih il-ħarsien biex ikun jista' jisma' Kliem Alla *(fil-Qoran)*, imbagħad *(jekk ma jilqax l-Islam)* wasslu sa fejn isib il-kenn. Dan minħabba li huma nies li ma jafux *(is-siwi kbir ta' l-Islam)*.

كَيْفَ يَكُونُ لِلْمُشْرِكِينَ عَهْدٌ عِندَ ٱللَّهِ وَعِندَ
رَسُولِهِۦٓ إِلَّا ٱلَّذِينَ عَٰهَدتُّمْ عِندَ ٱلْمَسْجِدِ ٱلْحَرَامِ ۖ فَمَا
ٱسْتَقَٰمُوا۟ لَكُمْ فَٱسْتَقِيمُوا۟ لَهُمْ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ يُحِبُّ ٱلْمُتَّقِينَ
(7) كَيْفَ وَإِن يَظْهَرُوا۟ عَلَيْكُمْ لَا يَرْقُبُوا۟ فِيكُمْ إِلًّا
وَلَا ذِمَّةً ۚ يُرْضُونَكُم بِأَفْوَٰهِهِمْ وَتَأْبَىٰ قُلُوبُهُمْ وَأَكْثَرُهُمْ
فَٰسِقُونَ (8) ٱشْتَرَوْا۟ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ ثَمَنًا قَلِيلًا فَصَدُّوا۟
عَن سَبِيلِهِۦٓ ۚ إِنَّهُمْ سَآءَ مَا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ (9) لَا يَرْقُبُونَ
فِى مُؤْمِنٍ إِلًّا وَلَا ذِمَّةً ۚ وَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْمُعْتَدُونَ (10)
فَإِن تَابُوا۟ وَأَقَامُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ وَءَاتَوُا۟ ٱلزَّكَوٰةَ فَإِخْوَٰنُكُمْ
فِى ٱلدِّينِ ۗ وَنُفَصِّلُ ٱلْـَٔايَٰتِ لِقَوْمٍ يَعْلَمُونَ (11) وَإِن نَّكَثُوٓا۟
أَيْمَٰنَهُم مِّنۢ بَعْدِ عَهْدِهِمْ وَطَعَنُوا۟ فِى دِينِكُمْ فَقَٰتِلُوٓا۟
أَئِمَّةَ ٱلْكُفْرِ ۙ إِنَّهُمْ لَآ أَيْمَٰنَ لَهُمْ لَعَلَّهُمْ يَنتَهُونَ
(12) أَلَا تُقَٰتِلُونَ قَوْمًا نَّكَثُوٓا۟ أَيْمَٰنَهُمْ وَهَمُّوا۟
بِإِخْرَاجِ ٱلرَّسُولِ وَهُم بَدَءُوكُمْ أَوَّلَ مَرَّةٍ ۚ
أَتَخْشَوْنَهُمْ ۚ فَٱللَّهُ أَحَقُّ أَن تَخْشَوْهُ إِن كُنتُم مُّؤْمِنِينَ (13)

7. Kif jista' jkun li *(il-pagani)* li jxierku jkollhom patt ma' Alla u mal-Mibgħut tiegħu *(Muħammad)*, ħlief dawk li għamiltu patt magħhom qrib il-Moskea mqaddsa *(u żammuh)*? Sakemm jimxu sew magħkom, imxu sew magħhom. Alla tabilħaqq iħobb lil dawk li jibżgħu *(minnu, u jafu jżommu patt)*.
8. Kif *(qatt jista' jkun hemm patt magħhom, meta dawn)*, jekk jegħlbukom, la jqisu li huma qraba tagħkom u lanqas li hemm patt *(bejnietkom)*. Huma *(jippruvaw)* jgħaxxqukom bi *(kliem)* fommhom, iżda qlubhom ma jridux *(li jkollhom x'jaqsmu magħkom)*, u ħafna minnhom huma ħżiena.
9. Huma biegħu r-Rivelazzjoni ta' Alla *(fil-Qoran)* bi prezz irħis, u żammu *(lil ħafna)* mit-triq tiegħu *(li hija l-Islam)*. Kien tassew ħażin dak li kienu jagħmlu.
10. La jqisu li huma qraba ta' dak li jemmen, u lanqas li hemm patt *(miegħu)*. Dawk huma li jiksru l-liġi.
11. Iżda jekk jindmu, jagħmlu t-talb u jagħtu l-karità, *(huma jkunu)* ħutkom *(indaqs)* fid-din. Aħna nfissru bir-reqqa r-Rivelazzjoni *(tagħna)* lil nies li jafu.
12. Iżda jekk jiksru l-ħalfa tagħhom, wara li daħlu fil-patt *(magħkom)*, u jkasbru d-din tagħkom, mela tqatlu kontra l-irjus taċ-ċaħda tat-twemmin – tabilħaqq li għalihom il-ħalf ma huwa xejn – biex forsi jieqfu *(jagħmlu hekk)*.
13. Jaqaw *(m'intomx lesti)* titqatlu kontra nies li kisru l-ħalf tagħhom, raw kif ikeċċu l-Mibgħut *(Muħammad minn Mekka)*, u kienu huma l-ewwel li bdew *(iħebbu)* għalikom? Jaqaw tibżgħu minnhom? Alla jistħoqqlu aktar li tibżgħu minnu, jekk tassew temmnu.

قَٰتِلُوهُمْ يُعَذِّبْهُمُ ٱللَّهُ بِأَيْدِيكُمْ وَيُخْزِهِمْ وَيَنصُرْكُمْ
عَلَيْهِمْ وَيَشْفِ صُدُورَ قَوْمٍ مُّؤْمِنِينَ ﴿14﴾ وَيُذْهِبْ
غَيْظَ قُلُوبِهِمْ ۗ وَيَتُوبُ ٱللَّهُ عَلَىٰ مَن يَشَآءُ ۗ وَٱللَّهُ عَلِيمٌ حَكِيمٌ
﴿15﴾ أَمْ حَسِبْتُمْ أَن تُتْرَكُوا۟ وَلَمَّا يَعْلَمِ ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ جَٰهَدُوا۟
مِنكُمْ وَلَمْ يَتَّخِذُوا۟ مِن دُونِ ٱللَّهِ وَلَا رَسُولِهِۦ وَلَا ٱلْمُؤْمِنِينَ
وَلِيجَةً ۚ وَٱللَّهُ خَبِيرٌۢ بِمَا تَعْمَلُونَ ﴿16﴾ مَا كَانَ لِلْمُشْرِكِينَ
أَن يَعْمُرُوا۟ مَسَٰجِدَ ٱللَّهِ شَٰهِدِينَ عَلَىٰٓ أَنفُسِهِم بِٱلْكُفْرِ ۚ
أُو۟لَٰٓئِكَ حَبِطَتْ أَعْمَٰلُهُمْ وَفِى ٱلنَّارِ هُمْ خَٰلِدُونَ ﴿17﴾
إِنَّمَا يَعْمُرُ مَسَٰجِدَ ٱللَّهِ مَنْ ءَامَنَ بِٱللَّهِ وَٱلْيَوْمِ ٱلْءَاخِرِ
وَأَقَامَ ٱلصَّلَوٰةَ وَءَاتَى ٱلزَّكَوٰةَ وَلَمْ يَخْشَ إِلَّا ٱللَّهَ ۖ فَعَسَىٰٓ
أُو۟لَٰٓئِكَ أَن يَكُونُوا۟ مِنَ ٱلْمُهْتَدِينَ ﴿18﴾ ۞ أَجَعَلْتُمْ سِقَايَةَ
ٱلْحَآجِّ وَعِمَارَةَ ٱلْمَسْجِدِ ٱلْحَرَامِ كَمَنْ ءَامَنَ بِٱللَّهِ وَٱلْيَوْمِ ٱلْءَاخِرِ
وَجَٰهَدَ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ ۚ لَا يَسْتَوُۥنَ عِندَ ٱللَّهِ ۗ وَٱللَّهُ لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ
ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿19﴾ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَهَاجَرُوا۟ وَجَٰهَدُوا۟ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ
بِأَمْوَٰلِهِمْ وَأَنفُسِهِمْ أَعْظَمُ دَرَجَةً عِندَ ٱللَّهِ ۚ وَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْفَآئِزُونَ ﴿20﴾

ثلاثة أرباع الحزب 19

14. Tqatlu kontrihom, u Alla jikkastigahom b'idejkom *(stess)*, ikasbarhom, jgħinkom tegħlbuhom, u jserraħ qlub dawk li jemmnu *(għaliex jaraw l-Islam rebbieħ)*.

15. Huwa jneħħi l-għadab ta' qlubhom. Alla jdur *(bil-maħfra)* lejn min irid. Alla jaf kollox u Għaref.

16. Jew taħsbu li se titħallew *(mingħajr tiġrib u tintesew)*, bla ma Alla jkun jaf b'dawk fostkom li ħabirku u tqabdu *(għalih)*, dawk li ma ħadu *(lil ħadd)* bi ħbiebhom ħlief lil Alla, lill-Mibgħut tiegħu, u lil dawk li jemmnu. Alla jaf sew b'dak li tagħmlu.

17. Dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla)* ma għandhomx iżuru l-moskej ta' Alla, filwaqt li jixhdu għalihom infushom li huma bla twemmin. Dawk, l-għemejjel tagħhom jiġu fix-xejn, u fin-Nar jgħammru għal dejjem.

18. Iżur biss il-moskej ta' Alla min jemmen f'Alla u fl-Aħħar Jum, jagħmel it-talb, jagħti l-karità u ma jibżax ħlief minn Alla. Tassew li dawk ikunu fit-triq it-tajba.

19. Jaqaw intom tqisu li, għaliex tisqu l-pellegrin u żżuru l-Moskea mqaddsa, *(dan jiswa)* daqs dak li jemmen f'Alla u fl-Aħħar Jum, li jħabrek u jitqabad għal Alla? *(Xejn minn dan!)* Quddiem Alla *(dawk li jemmnu u dawk ta' bla twemmin)* ma humiex indaqs. U Alla ma jmexxix lill-ħżiena fit-triq it-tajba.

20. Dawk li emmnu, emigraw, ħabirku u tqabdu għal Alla b'ġidhom u bihom infushom huma fi grad ogħla quddiem Alla *(minn dawk il-pagani li xogħolhom biss li jisqu l-pellegrini u jżuru l-Moskea f'Mekka)*. Dawk huma r-rebbieħa *(tal-Ġonna ta' dejjem)*.

يُبَشِّرُهُمْ رَبُّهُم بِرَحْمَةٍ مِّنْهُ وَرِضْوَٰنٍ وَجَنَّٰتٍ لَّهُمْ فِيهَا
نَعِيمٌ مُّقِيمٌ ﴿21﴾ خَٰلِدِينَ فِيهَآ أَبَدًا ۚ إِنَّ ٱللَّهَ عِندَهُۥٓ أَجْرٌ
عَظِيمٌ ﴿22﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَا تَتَّخِذُوٓا۟ ءَابَآءَكُمْ
وَإِخْوَٰنَكُمْ أَوْلِيَآءَ إِنِ ٱسْتَحَبُّوا۟ ٱلْكُفْرَ عَلَى ٱلْإِيمَٰنِ ۚ
وَمَن يَتَوَلَّهُم مِّنكُمْ فَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلظَّٰلِمُونَ ﴿23﴾ قُلْ إِن
كَانَ ءَابَآؤُكُمْ وَأَبْنَآؤُكُمْ وَإِخْوَٰنُكُمْ وَأَزْوَٰجُكُمْ وَعَشِيرَتُكُمْ
وَأَمْوَٰلٌ ٱقْتَرَفْتُمُوهَا وَتِجَٰرَةٌ تَخْشَوْنَ كَسَادَهَا وَمَسَٰكِنُ
تَرْضَوْنَهَآ أَحَبَّ إِلَيْكُم مِّنَ ٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦ وَجِهَادٍ
فِى سَبِيلِهِۦ فَتَرَبَّصُوا۟ حَتَّىٰ يَأْتِىَ ٱللَّهُ بِأَمْرِهِۦ ۗ وَٱللَّهُ لَا يَهْدِى
ٱلْقَوْمَ ٱلْفَٰسِقِينَ ﴿24﴾ لَقَدْ نَصَرَكُمُ ٱللَّهُ فِى مَوَاطِنَ
كَثِيرَةٍ ۙ وَيَوْمَ حُنَيْنٍ ۙ إِذْ أَعْجَبَتْكُمْ كَثْرَتُكُمْ فَلَمْ
تُغْنِ عَنكُمْ شَيْـًٔا وَضَاقَتْ عَلَيْكُمُ ٱلْأَرْضُ
بِمَا رَحُبَتْ ثُمَّ وَلَّيْتُم مُّدْبِرِينَ ﴿25﴾ ثُمَّ أَنزَلَ ٱللَّهُ سَكِينَتَهُۥ
عَلَىٰ رَسُولِهِۦ وَعَلَى ٱلْمُؤْمِنِينَ وَأَنزَلَ جُنُودًا لَّمْ تَرَوْهَا
وَعَذَّبَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ ۚ وَذَٰلِكَ جَزَآءُ ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿26﴾

21. Sidhom jagħtihom il-bxara t-tajba dwar ħniena *(ġejja)* minnu, għaxqa u Ġonna li fihom għandhom l-hena dejjiema.

22. Huma jgħammru fihom għal dejjem. Tabilħaqq li għand Alla hemm ħlas ta' kobor bla tarf.

23. Intom li temmnu, la tiħdux lil missirijietkom u lil ħutkom bħala alleati, jekk *(dawn)* jgħożżu ċ-ċaħda tat-twemmin flok it-twemmin. Dawk minnkom li jżommuhom b'alleati, dawk ikunu l-ħżiena.

24. Għid *(Muħammad)*: "Jekk missirijietkom, uliedkom, ħutkom, in-nisa tagħkom, nieskom, xi ġid li ksibtu, xi kummerċ li tibżgħu li jmur lura, u xi djar li jogħġbukom huma egħżeż għalikom minn Alla u mill-Mibgħut tiegħu, u mit-tħabrik u t-taħbit *(tagħkom)* għalih *(għal Alla)*, mela stennew sa ma Alla jġib fis-seħħ l-amar tiegħu *(u jagħmel ħaqq minnkom kif jixraq)*. Alla ma jmexxix lill-ħżiena fit-triq it-tajba."

25. Alla għenkom f'ħafna mkejjen *(tat-taqbid)*, kif ukoll dakinhar ta' Ħunajn,[48] meta tgħaxxaqtu bl-għadd kbir tagħkom *(tnax-il elf ruħ, u ħsibtu li tegħlbu l-erbat elef suldat ta' l-għadu)*, mingħajr *(iżda)* ma swielkom xejn, u *(dehrilkom li)* l-art *(tat-taqbida)* saritilkom dejqa, minkejja li kienet wesgħa kbira, u mbagħad dortu lura.

26. Imbagħad Alla niżżel is-sliem tiegħu fuq il-Mibgħut tiegħu u fuq dawk li jemmnu *(biex iserrħilhom rashom, jagħmlilhom il-qalb u jżidhom fil-ħeġġa għat-taqbid)*, u niżżel *(l-anġli mis-sema u dehru f'għamla ta')* suldati li intom ma rajtux, u kkastiga lil dawk bla twemmin. Dak huwa l-ħlas għal dawk li ma jemmnux.

---

[48] Wara t-trijonf ta' l-Islam f'Mekka, il-Misilmin daru għat-tribujiet għedewwa ta' Ħawāżin u Ṯaqīf (qrib il-belt ta' Ṭā'if) għaliex dawn kienu qegħdin ihejju ħbit fuq il-Misilmin. It-taqbida seħħet fil-wied ta' Ħunajn. Ħawn il-Misilmin ġarrbu telfa kbira. Aktar tard il-Profeta Muħammad (s.f.) reġa' ġabar il-qawwiet tiegħu u għeleb lill-għedewwa ta' l-Islam. Ir-rebħa hija f'idejn Alla l-Imbierek u mhux fl-għadd kbir tal-ġellieda.

ثُمَّ يَتُوبُ ٱللَّهُ مِنۢ بَعۡدِ ذَٰلِكَ عَلَىٰ مَن يَشَآءُۗ وَٱللَّهُ غَفُورٞ
رَّحِيمٞ ﴿27﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓاْ إِنَّمَا ٱلۡمُشۡرِكُونَ
نَجَسٞ فَلَا يَقۡرَبُواْ ٱلۡمَسۡجِدَ ٱلۡحَرَامَ بَعۡدَ عَامِهِمۡ هَٰذَاۚ
وَإِنۡ خِفۡتُمۡ عَيۡلَةٗ فَسَوۡفَ يُغۡنِيكُمُ ٱللَّهُ مِن فَضۡلِهِۦٓ إِن
شَآءَۚ إِنَّ ٱللَّهَ عَلِيمٌ حَكِيمٞ ﴿28﴾ قَٰتِلُواْ ٱلَّذِينَ
لَا يُؤۡمِنُونَ بِٱللَّهِ وَلَا بِٱلۡيَوۡمِ ٱلۡأٓخِرِ وَلَا يُحَرِّمُونَ مَا حَرَّمَ
ٱللَّهُ وَرَسُولُهُۥ وَلَا يَدِينُونَ دِينَ ٱلۡحَقِّ مِنَ ٱلَّذِينَ أُوتُواْ
ٱلۡكِتَٰبَ حَتَّىٰ يُعۡطُواْ ٱلۡجِزۡيَةَ عَن يَدٖ وَهُمۡ صَٰغِرُونَ
﴿29﴾ وَقَالَتِ ٱلۡيَهُودُ عُزَيۡرٌ ٱبۡنُ ٱللَّهِ وَقَالَتِ ٱلنَّصَٰرَى
ٱلۡمَسِيحُ ٱبۡنُ ٱللَّهِۖ ذَٰلِكَ قَوۡلُهُم بِأَفۡوَٰهِهِمۡۖ
يُضَٰهِـُٔونَ قَوۡلَ ٱلَّذِينَ كَفَرُواْ مِن قَبۡلُۚ قَٰتَلَهُمُ
ٱللَّهُۚ أَنَّىٰ يُؤۡفَكُونَ ﴿30﴾ ٱتَّخَذُوٓاْ أَحۡبَارَهُمۡ
وَرُهۡبَٰنَهُمۡ أَرۡبَابٗا مِّن دُونِ ٱللَّهِ وَٱلۡمَسِيحَ ٱبۡنَ
مَرۡيَمَ وَمَآ أُمِرُوٓاْ إِلَّا لِيَعۡبُدُوٓاْ إِلَٰهٗا وَٰحِدٗاۖ
لَّآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَۚ سُبۡحَٰنَهُۥ عَمَّا يُشۡرِكُونَ ﴿31﴾

27. Imbagħad wara dan Alla jdur *(bil-maħfra u bil-ħniena)* lejn min irid. Alla huwa Kollu Maħfra u Ħanin.

28. Intom li temmnu, *(kunu afu li)* dawk biss li jxierku *(allat oħra ma' Alla)* huma mniġġsa *(minħabba t-twemmin fl-idoli u għaliex jiċħdu lil Alla)*, u għalhekk ma għandhomx joqorbu lejn il-Moskea mqaddsa wara din is-sena tagħhom. U jekk tibżgħu li tiftaqru *(għaliex il-pellegrini pagani ma jiġux aktar f'Mekka)*, Alla jagħnikom mit-tjieba tiegħu, jekk irid. Alla tabilħaqq jaf kollox u Għaref.

29. Tqatlu kontra dawk minn fost Nies il-Ktieb *(li jaħbtu għalikom)*, li la jemmnu f'Alla *(kif suppost)* u lanqas fl-Aħħar Jum, li ma jipprojbixxux dak li Alla *(fil-Ktieb tiegħu)* u l-Mibgħut tiegħu *(fit-tradizzjoni profetika)* għamlu projbit, u li ma jimxux fuq id-din tas-sewwa *(li huwa l-Islam)*, sa ma jagħtu l-*ġiżja* minn jeddhom, filwaqt li juru umiltà.[49]

30. Il-Lhud qalu li Esdra huwa bin Alla,[50] u l-Insara qalu li l-Messija huwa bin Alla – hekk qalu b'fommhom stess, bħalma kienu jgħidu dawk li m'emmnux qabel *(jiġifieri li l-anġli huma l-ulied bniet ta' Alla)*. Narra Alla jitqatel kontrihom! Kemm tbiegħdu mis-sewwa!

31. Huma *(il-Lhud u l-Insara)* għamlu lill-qassisin u lill-irħieb tagħhom sidien *(tagħhom u qagħdu għalihom)*, minflok Alla, u *(anki)* lill-Messija bin Marija *(l-Insara għamluh sidhom u tawh qima)*, meta huma ma kinux ordnati ħlief li jqimu Alla Wieħed, li ma hemmx alla *(ieħor)* ħliefu. Sebħ lilu *(u ħalli jkun mgħolli u ħieles)* minn dak *(il-paganiżmu)* li jxierku *(miegħu)*!

---

[49] Il-*ġiżja*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

[50] Fl-oriġinal bl-Għarbi l-isem Esdra huwa *Għużajr*.

يُرِيدُونَ أَن يُطْفِـُٔوا۟ نُورَ ٱللَّهِ بِأَفْوَٰهِهِمْ وَيَأْبَى ٱللَّهُ إِلَّآ
أَن يُتِمَّ نُورَهُۥ وَلَوْ كَرِهَ ٱلْكَٰفِرُونَ ﴿32﴾ هُوَ ٱلَّذِىٓ
أَرْسَلَ رَسُولَهُۥ بِٱلْهُدَىٰ وَدِينِ ٱلْحَقِّ لِيُظْهِرَهُۥ عَلَى ٱلدِّينِ
كُلِّهِۦ وَلَوْ كَرِهَ ٱلْمُشْرِكُونَ ﴿33﴾ ۞ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوٓا۟ إِنَّ كَثِيرًا مِّنَ ٱلْأَحْبَارِ وَٱلرُّهْبَانِ لَيَأْكُلُونَ
أَمْوَٰلَ ٱلنَّاسِ بِٱلْبَٰطِلِ وَيَصُدُّونَ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ ۗ
وَٱلَّذِينَ يَكْنِزُونَ ٱلذَّهَبَ وَٱلْفِضَّةَ وَلَا يُنفِقُونَهَا
فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ فَبَشِّرْهُم بِعَذَابٍ أَلِيمٍ ﴿34﴾ يَوْمَ يُحْمَىٰ
عَلَيْهَا فِى نَارِ جَهَنَّمَ فَتُكْوَىٰ بِهَا جِبَاهُهُمْ وَجُنُوبُهُمْ
وَظُهُورُهُمْ ۖ هَٰذَا مَا كَنَزْتُمْ لِأَنفُسِكُمْ فَذُوقُوا۟ مَا كُنتُمْ
تَكْنِزُونَ ﴿35﴾ إِنَّ عِدَّةَ ٱلشُّهُورِ عِندَ ٱللَّهِ ٱثْنَا عَشَرَ
شَهْرًا فِى كِتَٰبِ ٱللَّهِ يَوْمَ خَلَقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ
مِنْهَآ أَرْبَعَةٌ حُرُمٌ ۚ ذَٰلِكَ ٱلدِّينُ ٱلْقَيِّمُ ۚ فَلَا تَظْلِمُوا۟ فِيهِنَّ
أَنفُسَكُمْ ۚ وَقَٰتِلُوا۟ ٱلْمُشْرِكِينَ كَآفَّةً كَمَا
يُقَٰتِلُونَكُمْ كَآفَّةً ۚ وَٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّ ٱللَّهَ مَعَ ٱلْمُتَّقِينَ ﴿36﴾

الحزب 20

32. Huma *(il-pagani, dawk li ma jemmnu f'xejn, u Nies il-Ktieb li ma jemmnux kif suppost)* iridu jitfu d-Dawl ta' Alla *(li huwa l-Islam)* b'fommhom *(bil-ħafna kwistjonijiet fiergħa li jaqilgħu)*, iżda Alla ma jridx għajr li jġib il-milja tad-Dawl tiegħu, minkejja li dawk li ma jemmnux jistkerrhu *(dan)*.

33. Huwa li bagħat lill-Mibgħut tiegħu *(Muħammad)* bit-tmexxija t-tajba u d-din tas-sewwa, biex joħorġu rebbieħ fuq kull din *(ieħor)*, minkejja li *(dan)* jistkerrhu*(h)* dawk li xierku miegħu *(allat oħra)*.

34. Intom li temmnu, *(kunu afu li)* ħafna mill-qassisin *(tal-Lhud)* u l-irħieb *(ta' l-Insara)* jieklu ġid in-nies bil-qerq, u jżommu *(lil ħaddieħor)* mit-triq ta' Alla *(li hija l-Islam)*. U dawk li jgeddsu d-deheb u l-fidda, u ma jonfquhomx għal Alla, mela agħtihom il-bxara dwar kastig ta' wġigħ.

35. Fil-Jum meta *(it-teżor tagħhom)* jinħema f'nar l-Infern u l-imħuħ tagħhom, ġnubhom u daharhom jinkwew bih. *(Jintqalilhom)*: "Dan kien li geddistu għalikom infuskom. Mela duqu dak li kontu tgeddsu!"

36. Tabilħaqq li l-għadd tax-xhur, għal Alla, huwa tnax-il xahar, fil-Ktieb ta' Alla, meta ħalaq is-smewwiet u l-art, u erbgħa minnhom huma *(xhur)* imqaddsa *(għaliex ma jistax iseħħ ġlied fihom)*. Dan huwa d-din tas-sewwa. Għalhekk tonqsux lejkom infuskom fihom. Tqatlu kontra dawk kollha li jxierku, bħalma huma jitqatlu kontrikom ilkoll, u kunu afu li Alla ma' dawk li jibżgħu minnu.

إِنَّمَا ٱلنَّسِيٓءُ زِيَادَةٌ فِى ٱلْكُفْرِ ۖ يُضَلُّ بِهِ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟
يُحِلُّونَهُۥ عَامًا وَيُحَرِّمُونَهُۥ عَامًا لِّيُوَاطِـُٔوا۟ عِدَّةَ مَا حَرَّمَ ٱللَّهُ
فَيُحِلُّوا۟ مَا حَرَّمَ ٱللَّهُ ۚ زُيِّنَ لَهُمْ سُوٓءُ أَعْمَـٰلِهِمْ ۗ وَٱللَّهُ
لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ ٱلْكَـٰفِرِينَ ﴿37﴾ يَـٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ مَا لَكُمْ إِذَا قِيلَ لَكُمُ ٱنفِرُوا۟ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ ٱثَّاقَلْتُمْ
إِلَى ٱلْأَرْضِ ۚ أَرَضِيتُم بِٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا مِنَ ٱلْـَٔاخِرَةِ ۚ
فَمَا مَتَـٰعُ ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا فِى ٱلْـَٔاخِرَةِ إِلَّا قَلِيلٌ ﴿38﴾
إِلَّا تَنفِرُوا۟ يُعَذِّبْكُمْ عَذَابًا أَلِيمًا وَيَسْتَبْدِلْ قَوْمًا
غَيْرَكُمْ وَلَا تَضُرُّوهُ شَيْـًٔا ۗ وَٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ
قَدِيرٌ ﴿39﴾ إِلَّا تَنصُرُوهُ فَقَدْ نَصَرَهُ ٱللَّهُ إِذْ أَخْرَجَهُ
ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ ثَانِىَ ٱثْنَيْنِ إِذْ هُمَا فِى ٱلْغَارِ إِذْ
يَقُولُ لِصَـٰحِبِهِۦ لَا تَحْزَنْ إِنَّ ٱللَّهَ مَعَنَا ۖ فَأَنزَلَ
ٱللَّهُ سَكِينَتَهُۥ عَلَيْهِ وَأَيَّدَهُۥ بِجُنُودٍ لَّمْ تَرَوْهَا
وَجَعَلَ كَلِمَةَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ ٱلسُّفْلَىٰ ۗ
وَكَلِمَةُ ٱللَّهِ هِىَ ٱلْعُلْيَا ۗ وَٱللَّهُ عَزِيزٌ حَكِيمٌ ﴿40﴾

37. Li tħalli *(xahar imqaddes)* għal żmien ieħor *(biex tibqa' għaddej bit-taqbid kontra l-għedewwa tiegħek)* jitqies żjieda fiċ-ċaħda tat-twemmin, u b'dan *(il-mod)* dawk li ma jemmnux jintilfu. F'sena minnhom it-tibdil ta' xahar qaddis iqisuh permess u f'sena oħra jqisuh projbit, biex b'hekk jiġu jaqblu fl-għadd *(ta' xhur)* li Alla qaddes, u jkunu qegħdin jippermettu dak li Alla pprojbixxa. Il-ħażen ta' għemilhom iżżejnilhom *(u ntwerielhom sabiħ)*. Alla ma jmexxix fit-triq it-tajba lil dawk li ma jemmnux.

38. Intom li temmnu, x'għandkom? *(Għaliex)* meta jintqalilkom: "Oħorġu *(tqabdu)* għal Alla" *(bħalma ntqalilkom f'Tabūk)*, intom tkunu tqal *(fit-tweġiba tagħkom)* u tinġibdu lejn l-art? Jaqaw il-ħajja f'*(din)* id-dinja togħġobkom aktar mill-*(ħajja)* l-Oħra? Hija żgħira t-tgawdija tal-ħajja f'*(din)* id-dinja *(meta mqabbla ma' dik)* fil-Ħajja l-Oħra.

39. Jekk ma toħorġux *(titqabdu mal-Profeta, Alla)* jikkastigakom b'kastig ta' wġigħ, jibdilkom ma' nies oħra *(li jkunu aktar lesti joqogħdu għar-rieda tiegħu u tal-Mibgħut tiegħu)*, u intom xejn ma *(tistgħu)* tagħmlulu ħsara *(minkejja li bqajtu lura u ma ridtux titqatlu)*. Alla huwa fuq kollox Setgħan *(u ma jeħtieġx l-għajnuna tagħkom)*.

40. Jekk ma tgħinuhx *(lil Muħammad, kunu afu li)* Alla għenu meta dawk *(f'Mekka)* li ma jemmnux ġegħluh joħroġ *(minn Mekka)*, *(meta)* miegħu *(ma kellux għajr)* bniedem ieħor *(biss, lil 'Abū Bakr)*. U meta kienu fl-għar, huwa *(Muħammad)* qal lil sieħbu: "La titnikkitx! Alla tabilħaqq magħna!" U Alla niżżel is-sliem tiegħu fuqu, u saħħu b'suldati *(li kienu anġli mis-sema)* li intom ma rajtux, u niżżel 'l isfel *(u kasbar)* il-kelma ta' dawk li ma jemmnux. Il-Kelma ta' Alla *(li ma hemmx alla ħlief Alla)* hija l-ogħla, u Alla Felħan u Għaref.

انفِرُوا۟ خِفَافًا وَثِقَالًا وَجَٰهِدُوا۟ بِأَمْوَٰلِكُمْ وَأَنفُسِكُمْ
فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ ۚ ذَٰلِكُمْ خَيْرٌ لَّكُمْ إِن كُنتُمْ تَعْلَمُونَ ﴿41﴾
لَوْ كَانَ عَرَضًا قَرِيبًا وَسَفَرًا قَاصِدًا لَّٱتَّبَعُوكَ وَلَٰكِنۢ بَعُدَتْ
عَلَيْهِمُ ٱلشُّقَّةُ ۚ وَسَيَحْلِفُونَ بِٱللَّهِ لَوِ ٱسْتَطَعْنَا لَخَرَجْنَا
مَعَكُمْ يُهْلِكُونَ أَنفُسَهُمْ وَٱللَّهُ يَعْلَمُ إِنَّهُمْ لَكَٰذِبُونَ ﴿42﴾
عَفَا ٱللَّهُ عَنكَ لِمَ أَذِنتَ لَهُمْ حَتَّىٰ يَتَبَيَّنَ لَكَ ٱلَّذِينَ
صَدَقُوا۟ وَتَعْلَمَ ٱلْكَٰذِبِينَ ﴿43﴾ لَا يَسْتَـْٔذِنُكَ ٱلَّذِينَ
يُؤْمِنُونَ بِٱللَّهِ وَٱلْيَوْمِ ٱلْءَاخِرِ أَن يُجَٰهِدُوا۟ بِأَمْوَٰلِهِمْ
وَأَنفُسِهِمْ ۗ وَٱللَّهُ عَلِيمٌۢ بِٱلْمُتَّقِينَ ﴿44﴾ إِنَّمَا يَسْتَـْٔذِنُكَ ٱلَّذِينَ
لَا يُؤْمِنُونَ بِٱللَّهِ وَٱلْيَوْمِ ٱلْءَاخِرِ وَٱرْتَابَتْ قُلُوبُهُمْ فَهُمْ
فِى رَيْبِهِمْ يَتَرَدَّدُونَ ﴿45﴾ ۞ وَلَوْ أَرَادُوا۟ ٱلْخُرُوجَ
لَأَعَدُّوا۟ لَهُۥ عُدَّةً وَلَٰكِن كَرِهَ ٱللَّهُ ٱنۢبِعَاثَهُمْ فَثَبَّطَهُمْ
وَقِيلَ ٱقْعُدُوا۟ مَعَ ٱلْقَٰعِدِينَ ﴿46﴾ لَوْ خَرَجُوا۟ فِيكُم
مَّا زَادُوكُمْ إِلَّا خَبَالًا وَلَأَوْضَعُوا۟ خِلَٰلَكُمْ يَبْغُونَكُمُ
ٱلْفِتْنَةَ ۖ وَفِيكُمْ سَمَّٰعُونَ لَهُمْ ۗ وَٱللَّهُ عَلِيمٌۢ بِٱلظَّٰلِمِينَ ﴿47﴾

ربع الحزب 20

41. Oħorġu, ħfief jew tqal *(bl-armi tagħkom, żgħażagħ u xjuħ, fuq saqajkom jew rekbin)* u tqabdu b'ġidkom u bikom infuskom għal Alla. Dan ikun aħjar għalikom, jekk tassew tafu.

42. Li kieku kien hemm xi qligħ ta' malajr, jew safar mhux fit-tul, *(dawk ta' wiċċ b'ieħor)* kienu jimxu warajk, iżda t-triq kienet imbiegħda *(wisq)* għalihom *(u fl-għażż tagħhom baqgħu ma ħarġux)*. Iżda huma għad jaħilfu b'Alla *(biex mingħalihom jiskużaw irwieħhom, u jgħidu)*: "Li kieku stajna, konna noħorġu magħkom." Huma qegħdin jeqirdu lilhom infushom *(b'dan il-kliem)*, u Alla jaf li huma giddibin.

43. Alla jaħfirlek *(Muħammad)*! Għaliex tajthom permess *(meta ġabu l-iskużi tagħhom għaliex baqgħu lura u ma ħarġux jitqabdu)* qabel ma kont taf min *(minnhom)* qal is-sewwa, u taf *(min minnhom kienu)* il-giddibin?

44. Dawk li jemmnu f'Alla u fl-Aħħar Jum ma jitolbukx tiskużahom biex ma joħorġux jitqabdu b'ġidhom u bihom infushom. Alla jaf sewwa b'dawk li jibżgħu minnu *(u huma sħaħ fi twemminhom)*.

45. Huma biss dawk li ma jemmnux f'Alla u fl-Aħħar Jum li jitolbuk tiskużahom *(mit-taqbid)*, dawk li qlubhom jinsabu bejn ħalltejn u b'hekk ma jafux fejn jagħtu rashom.

46. Li kieku riedu joħorġu *(jitqabdu)*, kienu jitħejjew tajjeb għalih *(it-taqbid)*, iżda Alla stkerrah li huma jitilqu *(biex jitqabdu)*, żammhom lura, u ntqal*(ilhom)*: "Oqogħdu mal-qiegħda *(man-nisa u mat-tfal, bla ma tagħmlu xejn)*!"

47. Li kieku ħarġu magħkom, ma kinux iżidukom ħlief fit-tfixkil. Kienu jiġġerrew fostkom, u jaraw kif joħolqu t-tixwix u l-firda *(bejnietkom)*. Fostkom *(kien ikun hemm)* min jisma' minnhom. Alla jaf sewwa bil-ħżiena *(ta' wiċċ b'ieħor)*.

لَقَدِ ٱبْتَغَوُا۟ ٱلْفِتْنَةَ مِن قَبْلُ وَقَلَّبُوا۟ لَكَ ٱلْأُمُورَ حَتَّىٰ
جَآءَ ٱلْحَقُّ وَظَهَرَ أَمْرُ ٱللَّهِ وَهُمْ كَٰرِهُونَ ﴿48﴾
وَمِنْهُم مَّن يَقُولُ ٱئْذَن لِّى وَلَا تَفْتِنِّىٓ ۚ أَلَا فِى ٱلْفِتْنَةِ
سَقَطُوا۟ ۗ وَإِنَّ جَهَنَّمَ لَمُحِيطَةٌۢ بِٱلْكَٰفِرِينَ
﴿49﴾ إِن تُصِبْكَ حَسَنَةٌ تَسُؤْهُمْ ۖ وَإِن تُصِبْكَ
مُصِيبَةٌ يَقُولُوا۟ قَدْ أَخَذْنَآ أَمْرَنَا مِن قَبْلُ وَيَتَوَلَّوا۟
وَّهُمْ فَرِحُونَ ﴿50﴾ قُل لَّن يُصِيبَنَآ إِلَّا مَا كَتَبَ
ٱللَّهُ لَنَا هُوَ مَوْلَىٰنَا ۚ وَعَلَى ٱللَّهِ فَلْيَتَوَكَّلِ ٱلْمُؤْمِنُونَ
﴿51﴾ قُلْ هَلْ تَرَبَّصُونَ بِنَآ إِلَّآ إِحْدَى ٱلْحُسْنَيَيْنِ ۖ وَنَحْنُ
نَتَرَبَّصُ بِكُمْ أَن يُصِيبَكُمُ ٱللَّهُ بِعَذَابٍ مِّنْ عِندِهِۦٓ
أَوْ بِأَيْدِينَا ۖ فَتَرَبَّصُوٓا۟ إِنَّا مَعَكُم مُّتَرَبِّصُونَ ﴿52﴾ قُلْ
أَنفِقُوا۟ طَوْعًا أَوْ كَرْهًا لَّن يُتَقَبَّلَ مِنكُمْ ۖ إِنَّكُمْ كُنتُمْ
قَوْمًا فَٰسِقِينَ ﴿53﴾ وَمَا مَنَعَهُمْ أَن تُقْبَلَ مِنْهُمْ نَفَقَٰتُهُمْ
إِلَّآ أَنَّهُمْ كَفَرُوا۟ بِٱللَّهِ وَبِرَسُولِهِۦ وَلَا يَأْتُونَ ٱلصَّلَوٰةَ
إِلَّا وَهُمْ كُسَالَىٰ وَلَا يُنفِقُونَ إِلَّا وَهُمْ كَٰرِهُونَ ﴿54﴾

48. Tabilħaqq li huma *(qabel it-taqbida ta' Tabūk kienu)* diġà xtaqu *(jaqilgħu)* it-tixwix u l-firda, u nassu kontrik, sa ma *(imbagħad)* ġie s-sewwa *(u r-rebħa)*, u dehret ir-rieda ta' Alla, *(minkejja li)* huma stkerrhu *(din il-ħaġa)*.

49. Fosthom hemm min jgħid*(lek Muħammad)*: "Ħallini *(noqgħod lura u ma noħroġx nitqabad)*, u la ġġarrabnix!" Mela mhux *(diġà)* waqgħu fit-tiġrib? Tabilħaqq li l-Infern idur minn kull naħa madwar dawk li ma jemmnux *(hekk li qatt ma jkunu jistgħu jaħarbu minnu)*.

50. Jekk tmissek xi ħaġa tajba *(bħal rebħ militari u l-priża li jġib miegħu, arahom)* jitqarrsu, iżda meta jmissek xi saram, *(ismagħhom)* jgħidu: "Ħsibnielu minn qabel *(u għaliex konna nafu li se nkunu telliefa, ma ridniex nissugraw għalxejn)*." U jitilqu lil hemm ferħanin.

51. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Xejn ma jmissna għajr dak *(il-ġid jew id-deni)* li kitbilna Alla. Huwa l-Mulej tagħna *(li jħarisna)*. Ħalli jħallu f'idejn Alla dawk li jemmnu!"

52. Għid*(ilhom ukoll)*: "X'tistennew li jiġrilna, għajr li *(jkollna)* waħda minn *(dawn)* iż-żewġ ħwejjeġ sbieħ *(jew li mmutu bħala martri għal Alla, jew li niksbu r-rebħa fuq l-aggressuri.)* Għalikom, aħna nistennew li Alla jibagħtilkom kastig mingħandu, jew *(li tinqatlu)* b'idejna *(stess)*. Mela oqogħdu stennew *(biex taraw x'se jiġrilna)*. Aħna tabilħaqq nistennew magħkom *(u naraw x'se jmisskom)*!"

53. Għid*(ilhom Muħammad lil ta' wiċċ b'ieħor)*: "Sew jekk tagħtu minn qalbkom, u sew *(jekk tagħtu)* għaliex imġegħlin, ma jintlaqax mingħandkom. Intom tassew nies ħżiena."

54. Xejn ma jżomm l-infiq *(u l-għoti tagħhom)* milli jintlaqa' ħlief minħabba li huma ma jemmnux f'Alla u fil-Mibgħut tiegħu, u ma jiġux għat-talb jekk mhux bl-għażż *(u bla ħeġġa)*, u ma jonfqu *(xejn għall-karità)* jekk mhux fuq qalbhom.

فَلَا تُعْجِبْكَ أَمْوَٰلُهُمْ وَلَآ أَوْلَٰدُهُمْ ۚ إِنَّمَا يُرِيدُ ٱللَّهُ لِيُعَذِّبَهُم
بِهَا فِى ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا وَتَزْهَقَ أَنفُسُهُمْ وَهُمْ كَٰفِرُونَ ﴿55﴾
وَيَحْلِفُونَ بِٱللَّهِ إِنَّهُمْ لَمِنكُمْ وَمَا هُم مِّنكُمْ وَلَٰكِنَّهُمْ
قَوْمٌ يَفْرَقُونَ ﴿56﴾ لَوْ يَجِدُونَ مَلْجَـًٔا أَوْ مَغَٰرَٰتٍ
أَوْ مُدَّخَلًا لَّوَلَّوْا۟ إِلَيْهِ وَهُمْ يَجْمَحُونَ ﴿57﴾ وَمِنْهُم مَّن يَلْمِزُكَ
فِى ٱلصَّدَقَٰتِ فَإِنْ أُعْطُوا۟ مِنْهَا رَضُوا۟ وَإِن لَّمْ يُعْطَوْا۟ مِنْهَآ إِذَا
هُمْ يَسْخَطُونَ ﴿58﴾ وَلَوْ أَنَّهُمْ رَضُوا۟ مَآ ءَاتَىٰهُمُ ٱللَّهُ
وَرَسُولُهُۥ وَقَالُوا۟ حَسْبُنَا ٱللَّهُ سَيُؤْتِينَا ٱللَّهُ مِن فَضْلِهِۦ
وَرَسُولُهُۥٓ إِنَّآ إِلَى ٱللَّهِ رَٰغِبُونَ ﴿59﴾ ۞ إِنَّمَا ٱلصَّدَقَٰتُ
لِلْفُقَرَآءِ وَٱلْمَسَٰكِينِ وَٱلْعَٰمِلِينَ عَلَيْهَا وَٱلْمُؤَلَّفَةِ قُلُوبُهُمْ
وَفِى ٱلرِّقَابِ وَٱلْغَٰرِمِينَ وَفِى سَبِيلِ ٱللَّهِ وَٱبْنِ ٱلسَّبِيلِ ۖ
فَرِيضَةً مِّنَ ٱللَّهِ ۗ وَٱللَّهُ عَلِيمٌ حَكِيمٌ ﴿60﴾ وَمِنْهُمُ
ٱلَّذِينَ يُؤْذُونَ ٱلنَّبِىَّ وَيَقُولُونَ هُوَ أُذُنٌ ۚ قُلْ أُذُنُ خَيْرٍ
لَّكُمْ يُؤْمِنُ بِٱللَّهِ وَيُؤْمِنُ لِلْمُؤْمِنِينَ وَرَحْمَةٌ لِّلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ مِنكُمْ ۚ وَٱلَّذِينَ يُؤْذُونَ رَسُولَ ٱللَّهِ لَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿61﴾

نصف الحزب 20

55. Ara li ma jogħġbukx ġidhom u *(l-għadd ta')* uliedhom. Alla jrid biss jikkastigahom bihom fil-ħajja *(f'din)* id-dinja, u li rwieħhom jinqerdu filwaqt li jkunu *(għadhom)* ma jemmnux.

56. Huma jaħilfu b'Alla li huma minnkom, iżda *(fil-fatt)* ma humiex minnkom, iżda huma nies li jibżgħu *(juru dak li tassew huma, biex ma jitilfux il-privileġġi tagħhom)*.

57. Li kieku jistgħu jsibu xi kenn, xi għerien jew xi mkien fejn jitrekknu, *(kont tarahom)* jitilqu lejh mgħaġġlin *(biex jaħarbu minnkom)*.

58. Fosthom hemm min ilumek *(Muħammad)* dwar *(it-tqassim)* tal-karità: jekk jingħataw minnha, jithennew, iżda jekk ma jingħatawx minnha, arahom jimtlew bl-għadab.

59. *(Kien ikun aħjar għalihom)* li kieku thennew b'dak li tawhom Alla u l-Mibgħut tiegħu, u qalu: "Alla huwa biżżejjed għalina! Alla se jagħtina mit-tjieba tiegħu, u anki l-Mibgħut tiegħu. Aħna tassew lil Alla nfittxu!"

60. Il-karitajiet huma biss għall-foqra, għall-imsejknin, għal dawk imqabbdin biex jiġbruhom, għal dawk li qlubhom inġibdu *(jew qegħdin jinġibdu lejn l-Islam)*, għal dawk fil-jasar *(biex jinfdew)*, għall-midjunin *(biex iħallsu d-dejn li ddejnu)* għall-kawża ta' Alla *(fis-servizz tar-reliġjon u tal-komunità)*, u għal dak li jterraq. *(Dan huwa)* l-amar minn Alla. Alla jaf kollox u Għaref.

61. Fosthom *(dawk ta' wiċċ b'ieħor)* hemm min iweġġa' lill-Profeta *(Muħammad bil-kliem u bl-għemil)*, u jgħidu: "Huwa widna *(għaliex jisma' u jemmen kollox)*." Għid*(ilhom)*: "Huwa jisma' dak kollu li hu tajjeb għalikom, jemmen f'Alla, joqgħod fuq dawk li jemmnu *(għaliex jaf li huma ġusti)*, u huwa ħniena għal dawk fostkom li jemmnu." Dawk li jweġġgħu *(u jżebilħu)* lill-Mibgħut ta' Alla jkollhom kastig ta' wġigħ.

يَحْلِفُونَ بِاللَّهِ لَكُمْ لِيُرْضُوكُمْ وَاللَّهُ وَرَسُولُهُۥٓ أَحَقُّ
أَن يُرْضُوهُ إِن كَانُوا۟ مُؤْمِنِينَ ﴿62﴾ أَلَمْ يَعْلَمُوٓا۟ أَنَّهُۥ
مَن يُحَادِدِ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ فَأَنَّ لَهُۥ نَارَ جَهَنَّمَ خَٰلِدًا فِيهَا ۚ
ذَٰلِكَ ٱلْخِزْىُ ٱلْعَظِيمُ ﴿63﴾ يَحْذَرُ ٱلْمُنَٰفِقُونَ
أَن تُنَزَّلَ عَلَيْهِمْ سُورَةٌ تُنَبِّئُهُم بِمَا فِى قُلُوبِهِمْ ۚ قُلِ ٱسْتَهْزِءُوٓا۟
إِنَّ ٱللَّهَ مُخْرِجٌ مَّا تَحْذَرُونَ ﴿64﴾ وَلَئِن سَأَلْتَهُمْ
لَيَقُولُنَّ إِنَّمَا كُنَّا نَخُوضُ وَنَلْعَبُ ۚ قُلْ أَبِٱللَّهِ وَءَايَٰتِهِۦ
وَرَسُولِهِۦ كُنتُمْ تَسْتَهْزِءُونَ ﴿65﴾ لَا تَعْتَذِرُوا۟ قَدْ كَفَرْتُم
بَعْدَ إِيمَٰنِكُمْ ۚ إِن نَّعْفُ عَن طَآئِفَةٍ مِّنكُمْ نُعَذِّبْ طَآئِفَةً
بِأَنَّهُمْ كَانُوا۟ مُجْرِمِينَ ﴿66﴾ ٱلْمُنَٰفِقُونَ وَٱلْمُنَٰفِقَٰتُ
بَعْضُهُم مِّنۢ بَعْضٍ ۚ يَأْمُرُونَ بِٱلْمُنكَرِ وَيَنْهَوْنَ
عَنِ ٱلْمَعْرُوفِ وَيَقْبِضُونَ أَيْدِيَهُمْ ۚ نَسُوا۟ ٱللَّهَ فَنَسِيَهُمْ ۚ
إِنَّ ٱلْمُنَٰفِقِينَ هُمُ ٱلْفَٰسِقُونَ ﴿67﴾ وَعَدَ ٱللَّهُ
ٱلْمُنَٰفِقِينَ وَٱلْمُنَٰفِقَٰتِ وَٱلْكُفَّارَ نَارَ جَهَنَّمَ خَٰلِدِينَ
فِيهَا ۚ هِىَ حَسْبُهُمْ ۚ وَلَعَنَهُمُ ٱللَّهُ ۖ وَلَهُمْ عَذَابٌ مُّقِيمٌ ﴿68﴾

62. Huma jaħilfulkom b'Alla biex jogħġbukom, iżda Alla – flimkien mal-Mibgħut tiegħu – jistħoqq aktar li huma jogħġbuh, jekk tassew jemmnu.

63. Mela ma jafux li min jeħodha kontra Alla u l-Mibgħut tiegħu hemm għalih nar l-Infern, u fih jgħammar għal dejjem. Dan huwa għajb tassew kbir.

64. Ta' wiċċ b'ieħor jibżgħu li titniżżel dwarhom xi sura li tgħarrafhom b'dak li hemm *(tassew)* fi qlubhom. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Iddieħku *(bir-reliġjon ta' Alla kemm tridu, iżda kunu afu li)* Alla se joħroġ *(fil-beraħ)* dak li qegħdin tibżgħu *(li jsir magħruf dwarkom)*."

65. Jekk tistaqsihom *(Muħammad)*, jgħidulek: "Aħna konna biss inlabalbu *(u ngħidu kliem fieragħ, u ngħaddu ż-żmien)* fil-logħob." Għid*(ilhom Muħammad)*: "Jaqaw kontu qegħdin tiddieħku b'Alla, bir-Rivelazzjoni tiegħu u bil-Mibgħut tiegħu?"

66. Ma għandkomx skuża! Ċħadtu t-twemmin wara li emmintu. Jekk naħfru lil xi ġemgħa minn fostkom *(għaliex nidmet)*, Aħna *(xorta waħda)* nikkastigaw ġemgħa *(oħra minnkom)*, għaliex huma kienu ħatjin *(u baqgħu juru wiċċ b'ieħor sa l-aħħar)*.

67. Dawk l-irġiel u n-nisa li huma ta' wiċċ b'ieħor huma *(kollha)* ta' qatgħa waħda: huma jamru *(li jsir)* il-ħażin, ma jħallux it-tajjeb, u għandhom idejhom magħluqin *(bix-xeħħa u ma jagħtux karità)*. Huma nsew lil Alla, u għalhekk *(Hu)* nesiehom. Tabilħaqq li ta' wiċċ b'ieħor huma l-ħżiena.

68. Alla wiegħed in-nar ta' l-Infern lil ta' wiċċ b'ieħor, irġiel u nisa, u lil dawk li ma jemmnux, u fih jgħammru għal dejjem. Huwa jkun biżżejjed għalihom. Alla seħithom, u għalihom hemm kastig għal dejjem.

كَٱلَّذِينَ مِن قَبْلِكُمْ كَانُوٓا۟ أَشَدَّ مِنكُمْ قُوَّةً وَأَكْثَرَ
أَمْوَٰلًا وَأَوْلَٰدًا فَٱسْتَمْتَعُوا۟ بِخَلَٰقِهِمْ فَٱسْتَمْتَعْتُم بِخَلَٰقِكُمْ
كَمَا ٱسْتَمْتَعَ ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِكُم بِخَلَٰقِهِمْ وَخُضْتُمْ
كَٱلَّذِى خَاضُوٓا۟ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ حَبِطَتْ أَعْمَٰلُهُمْ فِى ٱلدُّنْيَا
وَٱلْءَاخِرَةِ ۖ وَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْخَٰسِرُونَ ﴿69﴾ أَلَمْ يَأْتِهِمْ
نَبَؤُا۟ ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ قَوْمِ نُوحٍ وَعَادٍ وَثَمُودَ وَقَوْمِ
إِبْرَٰهِيمَ وَأَصْحَٰبِ مَدْيَنَ وَٱلْمُؤْتَفِكَٰتِ ۚ أَتَتْهُمْ
رُسُلُهُم بِٱلْبَيِّنَٰتِ ۖ فَمَا كَانَ ٱللَّهُ لِيَظْلِمَهُمْ وَلَٰكِن
كَانُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ يَظْلِمُونَ ﴿70﴾ وَٱلْمُؤْمِنُونَ وَٱلْمُؤْمِنَٰتُ بَعْضُهُمْ
أَوْلِيَآءُ بَعْضٍ ۚ يَأْمُرُونَ بِٱلْمَعْرُوفِ وَيَنْهَوْنَ عَنِ ٱلْمُنكَرِ
وَيُقِيمُونَ ٱلصَّلَوٰةَ وَيُؤْتُونَ ٱلزَّكَوٰةَ وَيُطِيعُونَ ٱللَّهَ
وَرَسُولَهُۥٓ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ سَيَرْحَمُهُمُ ٱللَّهُ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ عَزِيزٌ حَكِيمٌ ﴿71﴾
وَعَدَ ٱللَّهُ ٱلْمُؤْمِنِينَ وَٱلْمُؤْمِنَٰتِ جَنَّٰتٍ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا
ٱلْأَنْهَٰرُ خَٰلِدِينَ فِيهَا وَمَسَٰكِنَ طَيِّبَةً فِى جَنَّٰتِ عَدْنٍ ۚ
وَرِضْوَٰنٌ مِّنَ ٱللَّهِ أَكْبَرُ ۚ ذَٰلِكَ هُوَ ٱلْفَوْزُ ٱلْعَظِيمُ ﴿72﴾

69. Bħal dawk ta' qabilkom; huma kienu eqqel minnkom fil-qawwa, u akbar fil-ġid u fl-ulied. Huma thennew b'sehemhom, u intom thennejtu b'sehemkom, bħalma thennew b'sehemhom dawk ta' qabilkom. Intom *(ukoll)* tlabalbu fieragħ, bħal dawk li labalbu. Dawk, l-għemejjel tagħhom jisfaw fix-xejn f'*(din)* id-dinja u fl-Oħra, u dawk huma t-tellifin.

70. Jaqaw ma waslitilhomx l-aħbar *(dwar kif inqerdu għal kollox)* dawk ta' qabilhom: nies Noè *(u n-nies)* ta' Għād, ta' Ṯamūd, nies Abraham, nies Madjan, u l-bliet *(ta' Sodoma u Gomorra)* li nqalbu ta' taħt fuq? Il-Mibgħutin tagħhom ġewhom bis-sinjali ċ-ċari, u mhux Alla li naqas lejhom, iżda kienu huma li naqsu lejhom infushom *(għaliex ma ridux jagħtu widen)*.

71. Dawk li jemmnu, irġiel u nisa, jieħdu ħsieb *(u jħarsu)* lil xulxin. Huma jamru *(li jsir)* it-tajjeb, ma jħallux il-ħażin, jagħmlu t-talb, jagħtu l-karità, u joqogħdu għal Alla u għall-Mibgħut tiegħu. Dawk Alla se jħenn għalihom. Alla tabilħaqq Felħan u Għaref.

72. Alla wiegħed lil dawk li jemmnu, irġiel u nisa, Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom – fihom jgħammru għal dejjem – u djar sbieħ fil-Ġonna ta' l-Għeden. U għaxqa minn Alla *(hija ħlas)* akbar *(minn dan kollu)*. Din hija l-akbar rebħa.

يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّبِيُّ جَٰهِدِ ٱلْكُفَّارَ وَٱلْمُنَٰفِقِينَ وَٱغْلُظْ عَلَيْهِمْ ۚ
وَمَأْوَىٰهُمْ جَهَنَّمُ ۖ وَبِئْسَ ٱلْمَصِيرُ ﴿73﴾ يَحْلِفُونَ بِٱللَّهِ
مَا قَالُوا۟ وَلَقَدْ قَالُوا۟ كَلِمَةَ ٱلْكُفْرِ وَكَفَرُوا۟ بَعْدَ إِسْلَٰمِهِمْ
وَهَمُّوا۟ بِمَا لَمْ يَنَالُوا۟ ۚ وَمَا نَقَمُوٓا۟ إِلَّآ أَنْ أَغْنَىٰهُمُ ٱللَّهُ وَرَسُولُهُۥ
مِن فَضْلِهِۦ ۚ فَإِن يَتُوبُوا۟ يَكُ خَيْرًا لَّهُمْ ۖ وَإِن يَتَوَلَّوْا۟ يُعَذِّبْهُمُ
ٱللَّهُ عَذَابًا أَلِيمًا فِى ٱلدُّنْيَا وَٱلْءَاخِرَةِ ۚ وَمَا لَهُمْ فِى ٱلْأَرْضِ
مِن وَلِىٍّ وَلَا نَصِيرٍ ﴿74﴾ ۞ وَمِنْهُم مَّنْ عَٰهَدَ ٱللَّهَ لَئِنْ
ءَاتَىٰنَا مِن فَضْلِهِۦ لَنَصَّدَّقَنَّ وَلَنَكُونَنَّ مِنَ ٱلصَّٰلِحِينَ ﴿75﴾
فَلَمَّآ ءَاتَىٰهُم مِّن فَضْلِهِۦ بَخِلُوا۟ بِهِۦ وَتَوَلَّوا۟ وَّهُم مُّعْرِضُونَ
﴿76﴾ فَأَعْقَبَهُمْ نِفَاقًا فِى قُلُوبِهِمْ إِلَىٰ يَوْمِ يَلْقَوْنَهُۥ بِمَآ أَخْلَفُوا۟
ٱللَّهَ مَا وَعَدُوهُ وَبِمَا كَانُوا۟ يَكْذِبُونَ ﴿77﴾ أَلَمْ يَعْلَمُوٓا۟
أَنَّ ٱللَّهَ يَعْلَمُ سِرَّهُمْ وَنَجْوَىٰهُمْ وَأَنَّ ٱللَّهَ عَلَّٰمُ
ٱلْغُيُوبِ ﴿78﴾ ٱلَّذِينَ يَلْمِزُونَ ٱلْمُطَّوِّعِينَ مِنَ
ٱلْمُؤْمِنِينَ فِى ٱلصَّدَقَٰتِ وَٱلَّذِينَ لَا يَجِدُونَ إِلَّا
جُهْدَهُمْ فَيَسْخَرُونَ مِنْهُمْ ۙ سَخِرَ ٱللَّهُ مِنْهُمْ وَلَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿79﴾

ثلاثة أرباع الحزب 20

73. Ja Profeta, ħabrek u tqabad kontra dawk li ma jemmnux u ta' wiċċ b'ieħor, u kun qalil magħhom. Il-kenn tagħhom huwa l-Infern, u *(dan ikun tassew)* tmiem ta' għajb.

74. Huma jaħilfu b'Alla li ma qalu xejn, iżda *(tabilħaqq)* qalu kliem li jiċħad it-twemmin, u wara li kienu daħlu fl-Islam, *(reġgħu)* m'emmnux. Huma fasslu xi ħaġa li ma seħħetilhomx, u ma vvendikawx irwieħhom jekk mhux għaliex Alla kattar fuqhom it-tjieba *(u l-barka)* tiegħu, u l-Mibgħut tiegħu *(ukoll)*! Għalhekk ikun aħjar għalihom jekk jindmu, iżda jekk jagħtu daharhom *(għat-twemmin)*, Alla jikkastigahom b'kastig ta' wġigħ f'*(din)* id-dinja u fl-Oħra. U fuq l-art ma jkollhom ħadd li jħarishom u jgħinhom.[51]

75. Fosthom *(dawk ta' wiċċ b'ieħor)* hemm min daħal f'rabta ma' Alla *(u qal)*: "Jekk *(Alla)* jagħtina mit-tjieba tiegħu, aħna tassew nagħtu l-karità u nkunu mill-ġusti."

76. Iżda meta tahom mit-tjieba tiegħu, huma xxaħħu f'dak li ngħataw, warrbu *(ir-rabta tagħhom ma' Alla)*, u ma ridux joqogħdu għaliha.

77. Għalhekk ikkastigahom *(u tefagħlhom)* il-wiċċ b'ieħor fi qlubhom sal-Jum li fih jiltaqgħu miegħu, għaliex huma marru kontra dak li kienu wiegħdu lil Alla, u għaliex kienu jigdbu.

78. Mela ma jafux li Alla jaf bis-sigriet tagħhom, b'dak li jintqal *(bil-moħbi)* bejniethom, u li Alla jaf sew bil-mistur?

79. Dawk *(in-nies il-ħżiena)* li jmaqdru lil min, fost dawk li jemmnu, jagħti l-karità minn jeddu, *(kif ukoll jixlu)* lil dawk li ma jsibux x'jagħtu għajr il-ħidma tagħhom *(lil min jeħtieġha)*, u jżebilħuhom, ikun Alla li jżeblaħhom, u għalihom hemm kastig ta' wġigħ.

[51] L-għedewwa ta' l-Islam kienu ppjanaw li joqtlu lill-Profeta Muħammad (s.f.) meta jkun fi triqtu lura lejn Medina minn Tabūk. Minkejja li l-pjan falla, din il-ġrajja turi l-ingratitudni kbira ta' whud minn dawk li fasslu dan il-pjan, għaliex huma kienu minn Medina, il-belt li mill-Islam ma ratx ħlief ġid u prosperità kbira.

أَسْتَغْفِرْ لَهُمْ أَوْ لَا تَسْتَغْفِرْ لَهُمْ إِن تَسْتَغْفِرْ لَهُمْ سَبْعِينَ مَرَّةً
فَلَن يَغْفِرَ ٱللَّهُ لَهُمْ ۚ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمْ كَفَرُوا۟ بِٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦ ۗ
وَٱللَّهُ لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ ٱلْفَٰسِقِينَ ﴿80﴾ فَرِحَ ٱلْمُخَلَّفُونَ
بِمَقْعَدِهِمْ خِلَٰفَ رَسُولِ ٱللَّهِ وَكَرِهُوٓا۟ أَن يُجَٰهِدُوا۟ بِأَمْوَٰلِهِمْ
وَأَنفُسِهِمْ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ وَقَالُوا۟ لَا تَنفِرُوا۟ فِى ٱلْحَرِّ ۗ قُلْ نَارُ جَهَنَّمَ
أَشَدُّ حَرًّا ۚ لَّوْ كَانُوا۟ يَفْقَهُونَ ﴿81﴾ فَلْيَضْحَكُوا۟ قَلِيلًا وَلْيَبْكُوا۟ كَثِيرًا
جَزَآءًۢ بِمَا كَانُوا۟ يَكْسِبُونَ ﴿82﴾ فَإِن رَّجَعَكَ ٱللَّهُ إِلَىٰ طَآئِفَةٍ
مِّنْهُمْ فَٱسْتَـْٔذَنُوكَ لِلْخُرُوجِ فَقُل لَّن تَخْرُجُوا۟ مَعِىَ أَبَدًا وَلَن
تُقَٰتِلُوا۟ مَعِىَ عَدُوًّا ۖ إِنَّكُمْ رَضِيتُم بِٱلْقُعُودِ أَوَّلَ مَرَّةٍ فَٱقْعُدُوا۟
مَعَ ٱلْخَٰلِفِينَ ﴿83﴾ وَلَا تُصَلِّ عَلَىٰٓ أَحَدٍ مِّنْهُم مَّاتَ أَبَدًا وَلَا تَقُمْ
عَلَىٰ قَبْرِهِۦٓ ۖ إِنَّهُمْ كَفَرُوا۟ بِٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦ وَمَاتُوا۟ وَهُمْ فَٰسِقُونَ
﴿84﴾ وَلَا تُعْجِبْكَ أَمْوَٰلُهُمْ وَأَوْلَٰدُهُمْ ۚ إِنَّمَا يُرِيدُ ٱللَّهُ أَن يُعَذِّبَهُم
بِهَا فِى ٱلدُّنْيَا وَتَزْهَقَ أَنفُسُهُمْ وَهُمْ كَٰفِرُونَ ﴿85﴾ وَإِذَآ
أُنزِلَتْ سُورَةٌ أَنْ ءَامِنُوا۟ بِٱللَّهِ وَجَٰهِدُوا۟ مَعَ رَسُولِهِ ٱسْتَـْٔذَنَكَ
أُو۟لُوا۟ ٱلطَّوْلِ مِنْهُمْ وَقَالُوا۟ ذَرْنَا نَكُن مَّعَ ٱلْقَٰعِدِينَ ﴿86﴾

80. Sew jekk titlob biex jiksbu l-maħfra, u sew jekk ma titlobx maħfra għalihom, *(Alla ma huwiex se jaħfrilhom)*. U jekk titlob għalihom sebgħin darba biex jiksbu l-maħfra, Alla ma huwiex se jaħfrilhom. Dan għaliex huma m'emmnux f'Alla u fil-Mibgħut tiegħu. Alla ma jmexxix fit-triq it-tajba lin-nies il-ħżiena.

81. Ferħu dawk *(ta' wiċċ b'ieħor)* li baqgħu wara l-Mibgħut *(Muħammad u ma ħarġux għat-taqbida f'Tabūk)* għaliex baqgħu fejn kienu, u stkerrhu li jħabirku u jitqabdu b'ġidhom u bihom infushom għal Alla, u qalu *(lil xulxin)*: "Toħorġux fis-sħana!" Għid*(ilhom Muħammad)*: "Nar l-Infern jaħraq wisq aktar!" Li kieku kienu jifhmu!

82. Ħalli jidħku xi ftit *(għalissa)*, iżda *(imbagħad)* ħalli jibku ħafna, bi ħlas ta' dak *(il-ħażen)* li kienu jiksbu *(b'għemilhom)*.

83. Għalhekk jekk Alla *(wara t-taqbid f'Tabūk)* ireġġgħek għand ġemgħa minnhom, u jitolbuk permess biex joħorġu *(jitqabdu miegħek fi spedizzjoni oħra)*, għid*(ilhom)*: "Qatt m'intom herġin miegħi, u m'intom se titqatlu miegħi kontra ebda għadu! L-ewwel darba *(meta l-Misilmin l-oħra kienu sejrin lejn Tabūk)* intom għoġobkom tibqgħu qiegħda. Mela oqogħdu ma' dawk li baqgħu lura!"

84. Qatt *(ma għandek)* titlob *(Muħammad)* għal xi ħadd minnhom *(ta' wiċċ b'ieħor)* li miet, u lanqas ma għandek tieqaf fuq qabru. Huma ċaħdu lil Alla u lill-Mibgħut tiegħu, u mietu fil-ħażen tagħhom.

85. Lanqas *(ma għandhom)* jogħġbuk ġidhom u *(l-għadd kbir)* ta' wliedhom. Alla jrid biss jikkastigahom bihom fid-dinja, u li rwieħhom jinqerdu filwaqt li *(jkunu għadhom qegħdin)* jiċħdu *(lil Alla u lill-Islam)*.

86. U meta titniżżel sura li *(tħeġġiġhom u tgħidilhom)*: "Emmnu f'Alla, u ħabirku u tqabdu mal-Mibgħut tiegħu," dawk fosthom li għandhom ħafna ġid jitolbuk tiskużahom u jgħidu*(lek, Muħammad, dawk ta' wiċċ b'ieħor)*: "Ħallina nkunu mal-qiegħda *(li jibqgħu lura u ma joħorġux jitqabdu)*."

رَضُوا۟ بِأَن يَكُونُوا۟ مَعَ ٱلْخَوَالِفِ وَطُبِعَ عَلَىٰ قُلُوبِهِمْ فَهُمْ
لَا يَفْقَهُونَ ﴿87﴾ لَٰكِنِ ٱلرَّسُولُ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ مَعَهُۥ
جَٰهَدُوا۟ بِأَمْوَٰلِهِمْ وَأَنفُسِهِمْ ۚ وَأُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمُ ٱلْخَيْرَٰتُ ۖ
وَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْمُفْلِحُونَ ﴿88﴾ أَعَدَّ ٱللَّهُ لَهُمْ جَنَّٰتٍ تَجْرِى
مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ خَٰلِدِينَ فِيهَا ۚ ذَٰلِكَ ٱلْفَوْزُ ٱلْعَظِيمُ ﴿89﴾ وَجَآءَ
ٱلْمُعَذِّرُونَ مِنَ ٱلْأَعْرَابِ لِيُؤْذَنَ لَهُمْ وَقَعَدَ ٱلَّذِينَ كَذَبُوا۟
ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ ۚ سَيُصِيبُ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ مِنْهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ
﴿90﴾ لَّيْسَ عَلَى ٱلضُّعَفَآءِ وَلَا عَلَى ٱلْمَرْضَىٰ وَلَا عَلَى ٱلَّذِينَ
لَا يَجِدُونَ مَا يُنفِقُونَ حَرَجٌ إِذَا نَصَحُوا۟ لِلَّهِ وَرَسُولِهِۦ ۚ
مَا عَلَى ٱلْمُحْسِنِينَ مِن سَبِيلٍ ۚ وَٱللَّهُ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿91﴾
وَلَا عَلَى ٱلَّذِينَ إِذَا مَآ أَتَوْكَ لِتَحْمِلَهُمْ قُلْتَ لَآ أَجِدُ
مَآ أَحْمِلُكُمْ عَلَيْهِ تَوَلَّوا۟ وَّأَعْيُنُهُمْ تَفِيضُ مِنَ ٱلدَّمْعِ
حَزَنًا أَلَّا يَجِدُوا۟ مَا يُنفِقُونَ ﴿92﴾ إِنَّمَا ٱلسَّبِيلُ عَلَى
ٱلَّذِينَ يَسْتَـْٔذِنُونَكَ وَهُمْ أَغْنِيَآءُ ۚ رَضُوا۟ بِأَن يَكُونُوا۟
مَعَ ٱلْخَوَالِفِ وَطَبَعَ ٱللَّهُ عَلَىٰ قُلُوبِهِمْ فَهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿93﴾

الجزء 11 الحزب 21

87. Huma jogħġobhom li jkunu ma' dawk *(in-nisa, it-tfal, il-morda u oħrajn li ma għandhomx is-saħħa u l-ħila jitqatlu)* li baqgħu lura, u tqiegħed siġill fuq qlubhom, hekk li ma jifhmux.

88. Iżda l-Mibgħut u dawk li jemmnu miegħu, ħabirku u tqabdu b'ġidhom u bihom infushom. Ta' dawk huma l-ħwejjeġ tajba *(kollha)*, u dawk huma r-rebbieħa.

89. Alla ħejjielhom Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom jgħammru għal dejjem. Dik hija r-rebħa l-kbira.

90. Minn fost l-Għarab tad-dežert kien hemm dawk li ġew b'xi skuża biex jingħataw permess *(biex ma joħorġux jitqabdu)*. Dawk li giddbu lil Alla u lill-Mibgħut tiegħu qagħdu lura *(u ma ħarġux għat-taqbid.)* Lil dawk li ma jemmnux se jmiss kastig ta' wġigħ.

91. La d-dgħajfin, la l-morda, u lanqas dawk li ma jsibux *(ġid)* x'jonfqu, jekk huma sinċieri ma' Alla u mal-Mibgħut tiegħu *(u jagħmlu għemejjel tajba)*, ma għandhom ebda ħtija. Ma hemm ebda triq *(li twassal għall-kundanna)* ta' dawk li jagħmlu t-tajjeb. Alla huwa Kollu Maħfra u Ħanin.

92. Lanqas *(ma għandhom ħtija)* dawk li, meta ġew għandek jitolbuk biex trikkibhom *(fuq żwiemel jew iġmla, biex joħorġu jitqabdu miegħek)*, u inti weġibthom: "Ma nsibx fuq xiex inrikkibkom," huma telqu mnikktin, bid-dmugħ igelgel minn għajnejhom, għaliex ma kellhom xejn x'jonfqu *(għall-kawża ta' Alla)*.

93. Il-ħtija hija biss fuq dawk l-għonja li jitolbuk tiskużahom *(biex jibqgħu lura u ma joħorġux jitqatlu)*. Huma jogħġobhom li jkunu ma' dawk *(in-nisa, it-tfal, il-morda u l-oħrajn)* li baqgħu lura. Alla qiegħed siġill fuq qlubhom, u għalhekk ma jafux.

يَعْتَذِرُونَ إِلَيْكُمْ إِذَا رَجَعْتُمْ إِلَيْهِمْ ۚ قُل لَّا تَعْتَذِرُوا لَن
نُّؤْمِنَ لَكُمْ قَدْ نَبَّأَنَا اللَّهُ مِنْ أَخْبَارِكُمْ ۚ وَسَيَرَى
اللَّهُ عَمَلَكُمْ وَرَسُولُهُ ثُمَّ تُرَدُّونَ إِلَىٰ عَالِمِ الْغَيْبِ
وَالشَّهَادَةِ فَيُنَبِّئُكُم بِمَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿94﴾ سَيَحْلِفُونَ
بِاللَّهِ لَكُمْ إِذَا انقَلَبْتُمْ إِلَيْهِمْ لِتُعْرِضُوا عَنْهُمْ ۖ فَأَعْرِضُوا
عَنْهُمْ ۖ إِنَّهُمْ رِجْسٌ وَمَأْوَاهُمْ جَهَنَّمُ جَزَاءً بِمَا كَانُوا
يَكْسِبُونَ ﴿95﴾ يَحْلِفُونَ لَكُمْ لِتَرْضَوْا عَنْهُمْ ۖ فَإِن
تَرْضَوْا عَنْهُمْ فَإِنَّ اللَّهَ لَا يَرْضَىٰ عَنِ الْقَوْمِ الْفَاسِقِينَ
﴿96﴾ الْأَعْرَابُ أَشَدُّ كُفْرًا وَنِفَاقًا وَأَجْدَرُ أَلَّا يَعْلَمُوا
حُدُودَ مَا أَنزَلَ اللَّهُ عَلَىٰ رَسُولِهِ ۗ وَاللَّهُ عَلِيمٌ حَكِيمٌ ﴿97﴾ وَمِنَ
الْأَعْرَابِ مَن يَتَّخِذُ مَا يُنفِقُ مَغْرَمًا وَيَتَرَبَّصُ بِكُمُ الدَّوَائِرَ ۚ
عَلَيْهِمْ دَائِرَةُ السَّوْءِ ۗ وَاللَّهُ سَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿98﴾ وَمِنَ
الْأَعْرَابِ مَن يُؤْمِنُ بِاللَّهِ وَالْيَوْمِ الْآخِرِ وَيَتَّخِذُ
مَا يُنفِقُ قُرُبَاتٍ عِندَ اللَّهِ وَصَلَوَاتِ الرَّسُولِ ۚ أَلَا إِنَّهَا قُرْبَةٌ
لَّهُمْ ۚ سَيُدْخِلُهُمُ اللَّهُ فِي رَحْمَتِهِ ۗ إِنَّ اللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿99﴾

94. Huma jitolbukom tagħdruhom meta terġgħu lura għandhom. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Iġġibux skużi! M'aħniex se nemmnukom! Alla kien diġà għarrafna b'aħbarkom *(u bil-ħażen u bil-wiċċ b'ieħor tagħkom)*. Alla se jara l-għemil tagħkom, u *(miegħu)* il-Mibgħut tiegħu, imbagħad tintbagħtu lura lejn Dak li jaf il-mistur u li jidher, u jgħarrafkom b'dak li kontu tagħmlu."

95. Meta tmorru lura għandhom *(wara t-taqbida f'Tabūk)* se jaħilfulkom b'Alla biex tħalluhom waħidhom. Mela ħalluhom waħidhom! Huma tabilħaqq tinġis, u l-kenn tagħhom huwa fl-Infern, bi ħlas ta' *(il-ħażen)* li kienu jiksbu *(b'għemilhom)*.

96. Huma se jaħilfulkom biex tithennew bihom, iżda jekk tithennew bihom *(ikun kollu għalxejn għaliex)* Alla ma jithenniex bin-nies il-ħżiena.

97. L-Għarab tad-deżert huma l-aktar *(nies)* li ma jemmnux *(minħabba l-qalb xierfa tagħhom, l-aktar)* li juru wiċċ b'ieħor, u l-aktar li jixirqilhom li ma jkunu jafu *(xejn)* mid-digrieti li Alla niżżel lill-Mibgħut tiegħu *(Muħammad)*. Alla jaf kollox u Għaref.

98. Fost l-Għarab tad-deżert hemm min iqis dak li jonfoq *(għal Alla)* bħallikieku xi multa *(u telf)*, u jistenna li jolqotkom l-għaks u s-saram. Ħalli jkun fuqhom is-saram! Alla jisma' kollox u jaf kollox.

99. Iżda fost l-Għarab tad-deżert hemm min jemmen f'Alla u fl-Aħħar Jum, u jqis dak li jonfoq *(għal Alla)* bħala għotjiet li jqarrbu*(h)* lejn Alla u lejn it-talb tal-Mibgħut *(għalih, biex jikseb il-maħfra)*. Dan tassew iqarribhom! Alla se jdaħħalhom fil-ħniena tiegħu. Alla tabilħaqq huwa Kollu Maħfra u Ħanin.

وَالسَّٰبِقُونَ ٱلْأَوَّلُونَ مِنَ ٱلْمُهَٰجِرِينَ وَٱلْأَنصَارِ وَٱلَّذِينَ
ٱتَّبَعُوهُم بِإِحْسَٰنٍ رَّضِىَ ٱللَّهُ عَنْهُمْ وَرَضُوا۟ عَنْهُ وَأَعَدَّ
لَهُمْ جَنَّٰتٍ تَجْرِى تَحْتَهَا ٱلْأَنْهَٰرُ خَٰلِدِينَ فِيهَآ أَبَدًا ۚ
ذَٰلِكَ ٱلْفَوْزُ ٱلْعَظِيمُ ﴿100﴾ وَمِمَّنْ حَوْلَكُم مِّنَ ٱلْأَعْرَابِ
مُنَٰفِقُونَ ۖ وَمِنْ أَهْلِ ٱلْمَدِينَةِ ۖ مَرَدُوا۟ عَلَى ٱلنِّفَاقِ لَا تَعْلَمُهُمْ ۖ
نَحْنُ نَعْلَمُهُمْ ۚ سَنُعَذِّبُهُم مَّرَّتَيْنِ ثُمَّ يُرَدُّونَ إِلَىٰ عَذَابٍ
عَظِيمٍ ﴿101﴾ وَءَاخَرُونَ ٱعْتَرَفُوا۟ بِذُنُوبِهِمْ خَلَطُوا۟ عَمَلًا صَٰلِحًا
وَءَاخَرَ سَيِّئًا عَسَى ٱللَّهُ أَن يَتُوبَ عَلَيْهِمْ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿102﴾
خُذْ مِنْ أَمْوَٰلِهِمْ صَدَقَةً تُطَهِّرُهُمْ وَتُزَكِّيهِم بِهَا وَصَلِّ عَلَيْهِمْ ۖ
إِنَّ صَلَوٰتَكَ سَكَنٌ لَّهُمْ ۗ وَٱللَّهُ سَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿103﴾ أَلَمْ يَعْلَمُوٓا۟
أَنَّ ٱللَّهَ هُوَ يَقْبَلُ ٱلتَّوْبَةَ عَنْ عِبَادِهِۦ وَيَأْخُذُ ٱلصَّدَقَٰتِ وَأَنَّ
ٱللَّهَ هُوَ ٱلتَّوَّابُ ٱلرَّحِيمُ ﴿104﴾ وَقُلِ ٱعْمَلُوا۟ فَسَيَرَى ٱللَّهُ عَمَلَكُمْ
وَرَسُولُهُۥ وَٱلْمُؤْمِنُونَ ۖ وَسَتُرَدُّونَ إِلَىٰ عَٰلِمِ ٱلْغَيْبِ وَٱلشَّهَٰدَةِ
فَيُنَبِّئُكُم بِمَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿105﴾ وَءَاخَرُونَ مُرْجَوْنَ لِأَمْرِ
ٱللَّهِ إِمَّا يُعَذِّبُهُمْ وَإِمَّا يَتُوبُ عَلَيْهِمْ ۗ وَٱللَّهُ عَلِيمٌ حَكِيمٌ ﴿106﴾

100. Dawk *(il-Misilmin)* li kienu minn ta' l-ewwel *(li taw widen għas-sejħa ta' l-Islam)* fost l-emigranti *(minn Mekka – il-Muhāġirīn)* u dawk *(minn nies Medina – 'al-'Anṣār)* li tawhom *(kull)* għajnuna, u dawk li mxew warajhom fl-għemejjel tajba, Alla jithenna bihom, u huma jithennew bih. Huwa ħejjielhom Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom jgħammru għal dejjem. Dik hija l-akbar rebħa.

101. Uħud mill-Għarab tad-dežert ta' madwarkom juru wiċċ b'ieħor, u wħud minn nies ta' Medina webbsu rashom fil-wiċċ b'ieħor. Inti ma tafhomx *(biżżejjed, Muħammad)*, iżda Aħna nafuhom *(tajjeb)*. Darbtejn se nikkastigawhom, imbagħad jintbagħtu lura għal kastig kbir.

102. Oħrajn għarfu u stqarru dnubiethom: huma ħalltu għemil tajjeb ma' ieħor ħażin. Alla għandu mnejn idur lejhom *(bil-maħfra)*. .Alla tabilħaqq Kollu Maħfra u Ħanin.

103. Ħu *(Muħammad)* minn ġidhom karità li biha inti ssaffihom u tnaddafhom *(minn dnubiethom)*, u itlob għalihom *(biex Alla jaħfrilhom)*. Tabilħaqq li talbek iserraħhom. Alla jisma' kollox u jaf kollox.

104. Mela ma jafux li huwa Alla li jilqa' l-indiema mill-qaddejja tiegħu, u jieħu l-karitajiet *(li jagħmlu minn qalbhom)*, u li Alla jdur Kollu Maħfra u Ħanin?

105. U għid*(ilhom)*: "Agħmlu *(li tridu)*! Alla se jara għemilkom, u l-Mibgħut tiegħu u dawk li jemmnu *(se jarawh ukoll)*, u se tintbagħtu lura lejn Dak li jaf il-mistur u li jidher, u jgħarrafkom b'dak li kontu tagħmlu."

106. Oħrajn jitħallew jistennew l-amar ta' Alla: jekk jikkastigahomx jew inkella jdur lejhom bil-maħfra. Alla jaf kollox u Għaref.

وَالَّذِينَ اتَّخَذُوا مَسْجِدًا ضِرَارًا وَكُفْرًا وَتَفْرِيقًا بَيْنَ
الْمُؤْمِنِينَ وَإِرْصَادًا لِّمَنْ حَارَبَ اللَّهَ وَرَسُولَهُ مِن قَبْلُ ۚ
وَلَيَحْلِفُنَّ إِنْ أَرَدْنَا إِلَّا الْحُسْنَىٰ ۖ وَاللَّهُ يَشْهَدُ إِنَّهُمْ لَكَاذِبُونَ
﴿107﴾ لَا تَقُمْ فِيهِ أَبَدًا ۚ لَّمَسْجِدٌ أُسِّسَ عَلَى التَّقْوَىٰ مِنْ أَوَّلِ
يَوْمٍ أَحَقُّ أَن تَقُومَ فِيهِ ۚ فِيهِ رِجَالٌ يُحِبُّونَ أَن يَتَطَهَّرُوا ۚ
وَاللَّهُ يُحِبُّ الْمُطَّهِّرِينَ ﴿108﴾ أَفَمَنْ أَسَّسَ بُنْيَانَهُ
عَلَىٰ تَقْوَىٰ مِنَ اللَّهِ وَرِضْوَانٍ خَيْرٌ أَم مَّنْ أَسَّسَ بُنْيَانَهُ
عَلَىٰ شَفَا جُرُفٍ هَارٍ فَانْهَارَ بِهِ فِي نَارِ جَهَنَّمَ ۗ وَاللَّهُ لَا يَهْدِي
الْقَوْمَ الظَّالِمِينَ ﴿109﴾ لَا يَزَالُ بُنْيَانُهُمُ الَّذِي بَنَوْا رِيبَةً
فِي قُلُوبِهِمْ إِلَّا أَن تَقَطَّعَ قُلُوبُهُمْ ۗ وَاللَّهُ عَلِيمٌ حَكِيمٌ ﴿110﴾
۞ إِنَّ اللَّهَ اشْتَرَىٰ مِنَ الْمُؤْمِنِينَ أَنفُسَهُمْ وَأَمْوَالَهُم
بِأَنَّ لَهُمُ الْجَنَّةَ ۚ يُقَاتِلُونَ فِي سَبِيلِ اللَّهِ فَيَقْتُلُونَ
وَيُقْتَلُونَ ۖ وَعْدًا عَلَيْهِ حَقًّا فِي التَّوْرَاةِ وَالْإِنجِيلِ
وَالْقُرْآنِ ۚ وَمَنْ أَوْفَىٰ بِعَهْدِهِ مِنَ اللَّهِ ۚ فَاسْتَبْشِرُوا
بِبَيْعِكُمُ الَّذِي بَايَعْتُم بِهِ ۚ وَذَٰلِكَ هُوَ الْفَوْزُ الْعَظِيمُ ﴿111﴾

ربع الحزب 21

107. U *(hemm ukoll)* dawk *(ta' wiċċ b'ieħor)* li bnew *(bini li kellhom il-wiċċ isejħulu)* moskea biex iġibu ħsara, ċaħda tat-twemmin u firda bejn dawk li jemmnu, u biex *(dik il-moskea)* tkun kenn għal min, qabel, kien tqabad kontra Alla u l-Mibgħut tiegħu. U tabilħaqq se jaħilfu *(u jgħidu)*: "Aħna *(meta bnejna din il-moskea)* ridna biss it-tajjeb," iżda Alla jixhed li huma tassew giddibin.

108. Inti *(Muħammad, ara li)* ma tieqaf qatt *(f'dik il-moskea biex titlob)* fiha! Moskea *(bħal dik ta' Qubāgħ)* imsejsa, sa mill-ewwel jum, fuq il-qima *(lejn Alla)* tistħoqq aktar li tieqaf fiha *(għat-talb)*. Fiha hemm irġiel *(ġusti minn Medina)* li jħobbu jissaffew *(minn dnubiethom)*. Alla jħobb lill-imsoffijin.

109. Min hu l-aħjar: min sejjes il-bini tiegħu fuq *(l-ubbidjenza u)* il-biża' ta' Alla u l-għaxqa tiegħu, jew min sejjes il-bini tiegħu fuq xifer irdum li therra, hekk li jinżel bih f'nar l-Infern? Alla ma jmexxix fit-triq it-tajba lin-nies il-ħżiena.

110. Il-bini tagħhom li bnew ma jehda qatt *(iqanqal)* id-dubju fi qlubhom *(u l-għadab għall-Misilmin)*, sa ma *(dawn)* qlubhom jitqattgħu biċċiet. Alla jaf kollox u Għaref.

111. Tabilħaqq li mingħand dawk li jemmnu Alla xtara ħajjithom u ġidhom, biex ikollhom il-Ġenna. Huma jitqatlu għal Alla: huma joqtlu u jinqatlu – *(din hi)* wegħda li *(Alla huwa)* marbut biha tabilħaqq fit-*Torā*, fl-Evanġelju, u fil-Qoran. U min, aktar minn Alla, iżomm il-wegħda tiegħu? Mela ifirħu bil-bejgħ li għamiltu! Dik hija r-rebħa l-kbira.

ٱلتَّـٰٓئِبُونَ ٱلْعَـٰبِدُونَ ٱلْحَـٰمِدُونَ ٱلسَّـٰٓئِحُونَ
ٱلرَّٰكِعُونَ ٱلسَّـٰجِدُونَ ٱلْـَٔامِرُونَ بِٱلْمَعْرُوفِ
وَٱلنَّاهُونَ عَنِ ٱلْمُنكَرِ وَٱلْحَـٰفِظُونَ لِحُدُودِ ٱللَّهِ ۗ
وَبَشِّرِ ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿112﴾ مَا كَانَ لِلنَّبِيِّ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ أَن
يَسْتَغْفِرُوا۟ لِلْمُشْرِكِينَ وَلَوْ كَانُوٓا۟ أُو۟لِى قُرْبَىٰ مِنۢ بَعْدِ
مَا تَبَيَّنَ لَهُمْ أَنَّهُمْ أَصْحَـٰبُ ٱلْجَحِيمِ ﴿113﴾ وَمَا كَانَ
ٱسْتِغْفَارُ إِبْرَٰهِيمَ لِأَبِيهِ إِلَّا عَن مَّوْعِدَةٍ وَعَدَهَآ إِيَّاهُ
فَلَمَّا تَبَيَّنَ لَهُۥٓ أَنَّهُۥ عَدُوٌّ لِّلَّهِ تَبَرَّأَ مِنْهُ ۚ إِنَّ إِبْرَٰهِيمَ لَأَوَّٰهٌ حَلِيمٌ
﴿114﴾ وَمَا كَانَ ٱللَّهُ لِيُضِلَّ قَوْمًۢا بَعْدَ إِذْ هَدَىٰهُمْ حَتَّىٰ
يُبَيِّنَ لَهُم مَّا يَتَّقُونَ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ بِكُلِّ شَىْءٍ عَلِيمٌ ﴿115﴾ إِنَّ ٱللَّهَ
لَهُۥ مُلْكُ ٱلسَّمَـٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ يُحْىِۦ وَيُمِيتُ ۚ وَمَا لَكُم مِّن
دُونِ ٱللَّهِ مِن وَلِىٍّ وَلَا نَصِيرٍ ﴿116﴾ لَّقَد تَّابَ ٱللَّهُ عَلَى
ٱلنَّبِىِّ وَٱلْمُهَـٰجِرِينَ وَٱلْأَنصَارِ ٱلَّذِينَ ٱتَّبَعُوهُ فِى
سَاعَةِ ٱلْعُسْرَةِ مِنۢ بَعْدِ مَا كَادَ يَزِيغُ قُلُوبُ فَرِيقٍ
مِّنْهُمْ ثُمَّ تَابَ عَلَيْهِمْ ۚ إِنَّهُۥ بِهِمْ رَءُوفٌ رَّحِيمٌ ﴿117﴾

112. *(Għad jifirħu u jithennew)* dawk li jduru nedmin *(lejn Alla)*, li jqimu*(h)*, li jfaħħru*(h)*, li jterrqu ma' l-art kollha *(għal Alla biex jiksbu aktar għerf dwaru)*, li jmilu u li jinxteħtu fl-art *(fit-talb)*, li jamru *(li jsir)* it-tajjeb, ma jħallux il-ħażin, u li jżommu d-digrieti ta' Alla. Agħti l-bxara lil dawk li jemmnu *(li hemm il-Ġenna tistenniehom)*.

113. Ma huwiex xieraq li l-Profeta u dawk li jemmnu jitolbu maħfra għal dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla)*, anki jekk huma qraba, wara li raw biċ-ċar li *(dawn il-pagani)* huma nies in-Nar iħeġġeġ.

114. U Abraham ma kienx jitlob maħfra għal missieru *(Āżar)* jekk mhux minħabba wegħda li kien *(laħaq)* wiegħdu. U meta ra biċ-ċar li hu *(missieru)* kien għadu ta' Alla *(u webbes rasu f'din it-triq tat-telfien)*, hu *(Abraham)* inħall minn *(kull rabta li kellu)* miegħu. Tabilħaqq li Abraham kien qalbu tajba, u kollu ħlewwa u sabar.

115. Alla ma jtellifx it-triq lil xi nies wara li jkun mexxiehom *(fiha)*, sa ma jurihom minn xiex għandhom jibżgħu *(u joqogħdu lura, biex ma jidinbux)*. Alla tabilħaqq jaf b'kollox.

116. Tabilħaqq li ta' Alla hija s-saltna tas-smewwiet u l-art. Huwa jagħti l-ħajja u l-mewt. Ma għandkomx, għajr lil Alla, min iħariskom u jgħinkom.

117. Alla dar bil-maħfra lejn il-Profeta *(minkejja li kien ħalla lil ta' wiċċ b'ieħor jibqgħu lura u ma joħorġux għat-taqbid)*, lejn dawk *(minn Mekka)* li emigraw, u dawk *(minn Medina)* li għenu *(lill-Misilmin)*, dawk li mxew warajh fis-siegħa iebsa *(tat-taqbida f'Tabūk)*, wara li qlub uħud minnhom kienu għoddhom xaqilbu *(lejn il-ħażen)*, imbagħad dar lejhom bil-maħfra. Tabilħaqq li Huwa Kollu Tjubija u Ħanin magħhom.

وَعَلَى ٱلثَّلَٰثَةِ ٱلَّذِينَ خُلِّفُوا۟ حَتَّىٰٓ إِذَا ضَاقَتْ عَلَيْهِمُ ٱلْأَرْضُ
بِمَا رَحُبَتْ وَضَاقَتْ عَلَيْهِمْ أَنفُسُهُمْ وَظَنُّوٓا۟ أَن لَّا مَلْجَأَ
مِنَ ٱللَّهِ إِلَّآ إِلَيْهِ ثُمَّ تَابَ عَلَيْهِمْ لِيَتُوبُوٓا۟ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ هُوَ ٱلتَّوَّابُ
ٱلرَّحِيمُ ﴿118﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَكُونُوا۟ مَعَ
ٱلصَّٰدِقِينَ ﴿119﴾ مَا كَانَ لِأَهْلِ ٱلْمَدِينَةِ وَمَنْ حَوْلَهُم
مِّنَ ٱلْأَعْرَابِ أَن يَتَخَلَّفُوا۟ عَن رَّسُولِ ٱللَّهِ وَلَا يَرْغَبُوا۟ بِأَنفُسِهِمْ
عَن نَّفْسِهِۦ ۚ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمْ لَا يُصِيبُهُمْ ظَمَأٌ وَلَا نَصَبٌ
وَلَا مَخْمَصَةٌ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ وَلَا يَطَـُٔونَ مَوْطِئًا يَغِيظُ
ٱلْكُفَّارَ وَلَا يَنَالُونَ مِنْ عَدُوٍّ نَّيْلًا إِلَّا كُتِبَ لَهُم
بِهِۦ عَمَلٌ صَٰلِحٌ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يُضِيعُ أَجْرَ ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿120﴾
وَلَا يُنفِقُونَ نَفَقَةً صَغِيرَةً وَلَا كَبِيرَةً وَلَا يَقْطَعُونَ
وَادِيًا إِلَّا كُتِبَ لَهُمْ لِيَجْزِيَهُمُ ٱللَّهُ أَحْسَنَ مَا كَانُوا۟
يَعْمَلُونَ ﴿121﴾ ۞ وَمَا كَانَ ٱلْمُؤْمِنُونَ لِيَنفِرُوا۟ كَآفَّةً ۚ
فَلَوْلَا نَفَرَ مِن كُلِّ فِرْقَةٍ مِّنْهُمْ طَآئِفَةٌ لِّيَتَفَقَّهُوا۟ فِى ٱلدِّينِ
وَلِيُنذِرُوا۟ قَوْمَهُمْ إِذَا رَجَعُوٓا۟ إِلَيْهِمْ لَعَلَّهُمْ يَحْذَرُونَ ﴿122﴾

نصف الحزب 21

118. *(Bħalma dar bil-maħfra)* lejn it-tlieta li baqgħu lura *(mit-taqbid u li ħassuhom hekk ħatja minħabba dan li)* saħansitra *(dehrilhom)* li l-art kienet djieqet għalihom, minkejja l-kobor tagħha, bħalma ħassu lilhom infushom maqbuda f'diqa, u fehmu li ma hemmx kenn minn Alla, jekk mhux *(li jmorru)* lejh. Imbagħad dar lejhom bil-maħfra biex *(setgħu)* jindmu. Alla tabilħaqq idur Kollu Maħfra, il-Ħanin.

119. Intom li temmnu, ibżgħu minn Alla u kunu ma' dawk li jgħidu u jagħmlu s-sewwa.

120. Ma kienx xieraq li nies Medina u l-Għarab tad-dežert ta' madwarhom iżommu lura mill-Mibgħut ta' Alla *(u ma joħorġux miegħu għat-taqbida ta' Tabūk)*, jew li jibżgħu għal ħajjithom minflok għal tiegħu. Dan għaliex ma jaqbadhomx għatx, għeja, jew ġuħ għal Alla, ma jagħmlux pass li jqanqal l-għadab ta' dawk li ma jemmnux, u lanqas jiksbu xi qligħ mill-għadu, li ma jinkitbilhomx bħala għemil tajjeb. Tabilħaqq li Alla ma jtellifx il-ħlas ta' dawk li jagħmlu t-tajjeb.

121. Lanqas ma jonfqu nefqa żgħira jew kbira, jew jaqsmu xi wied *(għal Alla)*, li ma jinkitbilhomx *(fil-ktieb tagħhom)*, biex Alla jħallashom ta' l-aħjar *(għemejjel)* li kienu għamlu.

122. Dawk li jemmnu ma għandhomx joħorġu lkoll flimkien *(għat-taqbid)*. Xi tajfa minn kull ġemgħa għandha tibqa' lura *(u ma toħroġx titqabad)*, biex tagħtiha għall-istudju tar-reliġjon u biex twissi lil niesha meta jerġgħu lura lejha *(mit-taqbid)*, forsi jitħarsu *(mid-deni)*.

يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ قَٰتِلُواْ ٱلَّذِينَ يَلُونَكُم مِّنَ ٱلۡكُفَّارِ
وَلۡيَجِدُواْ فِيكُمۡ غِلۡظَةٗۚ وَٱعۡلَمُوٓاْ أَنَّ ٱللَّهَ مَعَ ٱلۡمُتَّقِينَ ﴿123﴾
وَإِذَا مَآ أُنزِلَتۡ سُورَةٞ فَمِنۡهُم مَّن يَقُولُ أَيُّكُمۡ زَادَتۡهُ هَٰذِهِۦٓ
إِيمَٰنٗاۚ فَأَمَّا ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ فَزَادَتۡهُمۡ إِيمَٰنٗا وَهُمۡ يَسۡتَبۡشِرُونَ
﴿124﴾ وَأَمَّا ٱلَّذِينَ فِي قُلُوبِهِم مَّرَضٞ فَزَادَتۡهُمۡ رِجۡسًا
إِلَىٰ رِجۡسِهِمۡ وَمَاتُواْ وَهُمۡ كَٰفِرُونَ ﴿125﴾ أَوَلَا يَرَوۡنَ
أَنَّهُمۡ يُفۡتَنُونَ فِي كُلِّ عَامٖ مَّرَّةً أَوۡ مَرَّتَيۡنِ ثُمَّ
لَا يَتُوبُونَ وَلَا هُمۡ يَذَّكَّرُونَ ﴿126﴾ وَإِذَا مَآ أُنزِلَتۡ
سُورَةٞ نَّظَرَ بَعۡضُهُمۡ إِلَىٰ بَعۡضٍ هَلۡ يَرَىٰكُم مِّنۡ أَحَدٖ
ثُمَّ ٱنصَرَفُواْۚ صَرَفَ ٱللَّهُ قُلُوبَهُم بِأَنَّهُمۡ قَوۡمٞ لَّا يَفۡقَهُونَ
﴿127﴾ لَقَدۡ جَآءَكُمۡ رَسُولٞ مِّنۡ أَنفُسِكُمۡ عَزِيزٌ
عَلَيۡهِ مَا عَنِتُّمۡ حَرِيصٌ عَلَيۡكُم بِٱلۡمُؤۡمِنِينَ
رَءُوفٞ رَّحِيمٞ ﴿128﴾ فَإِن تَوَلَّوۡاْ فَقُلۡ حَسۡبِيَ ٱللَّهُ لَآ إِلَٰهَ
إِلَّا هُوَۖ عَلَيۡهِ تَوَكَّلۡتُۖ وَهُوَ رَبُّ ٱلۡعَرۡشِ ٱلۡعَظِيمِ ﴿129﴾

سورة يونس

123. Intom li temmnu, tqatlu kontra dawk li ma jemmnux li jinsabu qribkom, u ħalluhom isibu l-qilla fikom. U kunu afu li Alla ma' dawk li jibżgħu minnu.

124. Kull meta tinżel xi sura, hemm minnhom *(ta' wiċċ b'ieħor)* li jgħidu *(bi tkasbir)*: "Lil min minnkom *(din is-sura)* żiditu fit-twemmin?" Iżda lil dawk li jemmnu *(tassew)* żidithom fit-twemmin, u huma ferħanin *(b'dan, għaliex kull vers fil-Qoran jagħmel minnhom Misilmin tajbin)*.

125. Iżda dawk li fi qlubhom hemm marda *(taċ-ċaħda tat-twemmin u tal-wiċċ b'ieħor, is-sura li tinżel)* tkompli żżidilhom it-tinġis tagħhom *(il-wiċċ b'ieħor)* b'*(aktar)* tinġis, u jmutu meta jkunu għadhom ma jemmnux.

126. Mela *(ta' wiċċ b'ieħor)* ma jarawx li kull sena qegħdin jiġġarrbu darba jew darbtejn, imbagħad la jindmu u lanqas jiftakru *(fit-twissija ta' Alla)*?

127. Kull darba li titniżżel sura, uħud minnhom iħarsu lejn xulxin *(u jgħidu)*: "Tgħid qiegħed jarakom xi ħadd *(mill-Misilmin)*?" Imbagħad jitilqu. Alla telaq qlubhom *(għal kollox)* għaliex huma nies li ma jifhmux.

128. Għadu kif ġiekom Mibgħut minnkom infuskom. Is-saram tagħkom ikiddu, u moħħu fikom. Huwa kollu tjieba u ħanin ma' dawk li jemmnu.

129. Iżda jekk jagħtu daharhom *(u ma jkunux iridu jisimgħu)*, għid *(Muħammad)*: "Alla huwa biżżejjed għalija. Ma hemmx alla ħliefu. F'idejh ħallejt, u huwa Sid it-Tron il-kbir *(tas-sebħ tiegħu)*."

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

الر ۚ تِلْكَ آيَاتُ الْكِتَابِ الْحَكِيمِ ﴿1﴾ أَكَانَ لِلنَّاسِ عَجَبًا
أَنْ أَوْحَيْنَا إِلَىٰ رَجُلٍ مِنْهُمْ أَنْ أَنْذِرِ النَّاسَ وَبَشِّرِ الَّذِينَ آمَنُوا
أَنَّ لَهُمْ قَدَمَ صِدْقٍ عِنْدَ رَبِّهِمْ ۗ قَالَ الْكَافِرُونَ إِنَّ هَٰذَا
لَسَاحِرٌ مُبِينٌ ﴿2﴾ إِنَّ رَبَّكُمُ اللَّهُ الَّذِي خَلَقَ السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضَ
فِي سِتَّةِ أَيَّامٍ ثُمَّ اسْتَوَىٰ عَلَى الْعَرْشِ ۖ يُدَبِّرُ الْأَمْرَ ۖ مَا مِنْ شَفِيعٍ
إِلَّا مِنْ بَعْدِ إِذْنِهِ ۚ ذَٰلِكُمُ اللَّهُ رَبُّكُمْ فَاعْبُدُوهُ ۚ أَفَلَا
تَذَكَّرُونَ ﴿3﴾ إِلَيْهِ مَرْجِعُكُمْ جَمِيعًا ۖ وَعْدَ اللَّهِ حَقًّا ۚ إِنَّهُ
يَبْدَأُ الْخَلْقَ ثُمَّ يُعِيدُهُ لِيَجْزِيَ الَّذِينَ آمَنُوا وَعَمِلُوا الصَّالِحَاتِ
بِالْقِسْطِ ۚ وَالَّذِينَ كَفَرُوا لَهُمْ شَرَابٌ مِنْ حَمِيمٍ وَعَذَابٌ
أَلِيمٌ بِمَا كَانُوا يَكْفُرُونَ ﴿4﴾ هُوَ الَّذِي جَعَلَ الشَّمْسَ
ضِيَاءً وَالْقَمَرَ نُورًا وَقَدَّرَهُ مَنَازِلَ لِتَعْلَمُوا عَدَدَ السِّنِينَ
وَالْحِسَابَ ۚ مَا خَلَقَ اللَّهُ ذَٰلِكَ إِلَّا بِالْحَقِّ ۚ يُفَصِّلُ الْآيَاتِ
لِقَوْمٍ يَعْلَمُونَ ﴿5﴾ إِنَّ فِي اخْتِلَافِ اللَّيْلِ وَالنَّهَارِ وَمَا خَلَقَ
اللَّهُ فِي السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضِ لَآيَاتٍ لِقَوْمٍ يَتَّقُونَ ﴿6﴾

10. *Sūratu Jūnus*

(Suret Ġona – Niżlet f'Mekka b'109 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *'Alif. Lām. Rā'*. Dawk huma l-versi tal-Ktieb l-Għaref.
2. Jaqaw huwa ta' l-għaġeb għan-nies li nebbaħna lil raġel minn fosthom *(li huwa Muħammad, u għednielu)*: "Wissi lin-nies *(bin-Nar ta' dejjem)*, u agħti l-bxara lil dawk li emmnu, li huma jinsabu f'qagħda għolja *(minħabba s-sewwa ta' għemilhom)* quddiem Sidhom"? Dawk li ma jemmnux qalu: "Dan *(Muħammad)* tassew saħħar fid-dieher!"
3. Tabilħaqq li Sidkom huwa Alla li ħalaq is-smewwiet u l-art f'sitt ijiem, imbagħad intasab fuq it-Tron, imexxi kollox. Ħadd ma jista' jidħol għal ħaddieħor *(f'Jum il-Qawmien)* jekk mhux bir-rieda tiegħu. Dak huwa Alla Sidkom. Mela qimuh *(u lilu biss)*! Jaqaw ma tiftakrux *(fit-twissija tiegħu)*?
4. Għandu għad terġgħu lura lkoll *(fl-Aħħar Jum)*. Il-wegħda ta' Alla hija minnha *(u ħadd u xejn ma jbiddilha)*. Huwa li beda l-ħolqien, imbagħad jerġa' jibdieh *(wara li jeqirdu)* biex iħallas bil-ħaqq lil dawk li emmnu u għamlu s-sewwa. Iżda dawk li ma jemmnux, għandhom xarba mishun jagħli u kastig ta' wġigħ, għaliex ċaħdu t-twemmin.
5. Huwa li *(fil-ħniena tiegħu)* għamel ix-xemx *(kollha)* dija u l-qamar *(kollu)* dawl, u fasslu f'taqsimiet u bi mkejjen *(differenti minn fejn jitla' u jinżel)*, biex tkunu tafu l-għadd tas-snin u l-kalkolu *(taż-żmien)*. Huwa ma ħalaqx dak *(kollu)* jekk mhux bis-sewwa. Huwa jfisser bir-reqqa *(dawn)* is-sinjali tiegħu *(fl-univers)* lil nies li jafu *(bil-ħila bla tarf ta' Alla)*.
6. Tabilħaqq li fid-dħul wara xulxin tal-lejl u tan-nhar, u f'dak li Alla ħalaq fis-smewwiet u fl-art, hemm sinjali għal nies li jibżgħu minnu *(u mill-kastig tiegħu)*.

إِنَّ ٱلَّذِينَ لَا يَرْجُونَ لِقَآءَنَا وَرَضُوا۟ بِٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا وَٱطْمَأَنُّوا۟
بِهَا وَٱلَّذِينَ هُمْ عَنْ ءَايَٰتِنَا غَٰفِلُونَ ﴿7﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ مَأْوَىٰهُمُ
ٱلنَّارُ بِمَا كَانُوا۟ يَكْسِبُونَ ﴿8﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟
وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ يَهْدِيهِمْ رَبُّهُم بِإِيمَٰنِهِمْ ۖ تَجْرِى مِن
تَحْتِهِمُ ٱلْأَنْهَٰرُ فِى جَنَّٰتِ ٱلنَّعِيمِ ﴿9﴾ دَعْوَىٰهُمْ فِيهَا سُبْحَٰنَكَ
ٱللَّهُمَّ وَتَحِيَّتُهُمْ فِيهَا سَلَٰمٌ ۚ وَءَاخِرُ دَعْوَىٰهُمْ أَنِ ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ
رَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿10﴾ ۞ وَلَوْ يُعَجِّلُ ٱللَّهُ لِلنَّاسِ ٱلشَّرَّ
ٱسْتِعْجَالَهُم بِٱلْخَيْرِ لَقُضِىَ إِلَيْهِمْ أَجَلُهُمْ ۖ فَنَذَرُ ٱلَّذِينَ
لَا يَرْجُونَ لِقَآءَنَا فِى طُغْيَٰنِهِمْ يَعْمَهُونَ ﴿11﴾ وَإِذَا مَسَّ
ٱلْإِنسَٰنَ ٱلضُّرُّ دَعَانَا لِجَنۢبِهِۦٓ أَوْ قَاعِدًا أَوْ قَآئِمًا فَلَمَّا كَشَفْنَا
عَنْهُ ضُرَّهُۥ مَرَّ كَأَن لَّمْ يَدْعُنَآ إِلَىٰ ضُرٍّ مَّسَّهُۥ ۚ كَذَٰلِكَ زُيِّنَ
لِلْمُسْرِفِينَ مَا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ ﴿12﴾ وَلَقَدْ أَهْلَكْنَا ٱلْقُرُونَ
مِن قَبْلِكُمْ لَمَّا ظَلَمُوا۟ ۙ وَجَآءَتْهُمْ رُسُلُهُم بِٱلْبَيِّنَٰتِ وَمَا كَانُوا۟
لِيُؤْمِنُوا۟ ۚ كَذَٰلِكَ نَجْزِى ٱلْقَوْمَ ٱلْمُجْرِمِينَ ﴿13﴾ ثُمَّ جَعَلْنَٰكُمْ
خَلَٰٓئِفَ فِى ٱلْأَرْضِ مِنۢ بَعْدِهِمْ لِنَنظُرَ كَيْفَ تَعْمَلُونَ ﴿14﴾

ثلاثة أرباع الحزب 21

7. Dawk li ma jittamawx fil-laqgħa magħna, li jithennew bil-ħajja fid-dinja u jserrħu rashom biha, u li ma jagħtux kas is-sinjali tagħna *(li jidħru kullimkien)*,
8. dawk, il-kenn tagħhom fin-Nar, minħabba *(il-ħażen)* li kienu jiksbu.
9. Tabilħaqq li dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid, Sidhom imexxihom minħabba twemminhom; taħthom jiġru x-xmajjar fil-Ġonna ta' l-hena.
10. Fiha *(il-Ġenna, tkun din)* is-sejħa tagħhom: "Sebħ lilek, O Alla!" U hemm it-tislima tagħhom tkun: "Sliem!" U l-aħħar tas-sejħa tagħhom ikun: "Tifħir lil Alla, Sid il-ħolqien!"
11. Li kieku Alla kellu jgħaġġel *(u jikkastiga)* lin-nies taddeni *(li jagħmlu)*, daqskemm huma jgħaġġlu fil-kisba talġid, kieku żmienhom ilu li ntemm. Iżda Aħna, lil dawk li ma jittamawx fil-laqgħa magħna *(fl-Aħħar Jum, u jgiddbuha)* inħalluhom mitlufin *(u mogħmijin)* fil-ħtija tagħhom.
12. Meta l-ħsara tmiss lill-bniedem, huwa jsejħilna, *(mimdud)* fuq ġenbu, jew bilqiegħda jew bilwieqfa, iżda meta nneħħulu *(dik)* il-ħsara tiegħu, huwa jibqa' sejjer bħallikieku *(qatt)* ma sejħilna meta messitu l-ħsara. Hekk jiżżejjen *(u jidher sabiħ)* lill-ħaljin dak *(il-ħażen)* li kienu jagħmlu.
13. Qabilkom *(ja pagani ta' Mekka)* diġà qridna aktar minn nisel meta għamlu l-ħażen: ġewhom il-Mibgħutin tagħhom bis-sinjali ċ-ċari, iżda huma ma kienu *(qatt)* se jemmnu. Hekk inħallsu lill-ħatjin.
14. Imbagħad warajhom għamilniekom werrieta fuq l-art, biex naraw x'se tagħmlu.

وَإِذَا تُتْلَىٰ عَلَيْهِمْ ءَايَاتُنَا بَيِّنَٰتٍ قَالَ ٱلَّذِينَ لَا يَرْجُونَ
لِقَآءَنَا ٱئْتِ بِقُرْءَانٍ غَيْرِ هَٰذَآ أَوْ بَدِّلْهُ ۚ قُلْ مَا يَكُونُ لِىٓ
أَنْ أُبَدِّلَهُۥ مِن تِلْقَآئِ نَفْسِىٓ ۖ إِنْ أَتَّبِعُ إِلَّا مَا يُوحَىٰٓ إِلَىَّ ۖ إِنِّىٓ
أَخَافُ إِنْ عَصَيْتُ رَبِّى عَذَابَ يَوْمٍ عَظِيمٍ ﴿15﴾ قُل لَّوْ شَآءَ
ٱللَّهُ مَا تَلَوْتُهُۥ عَلَيْكُمْ وَلَآ أَدْرَىٰكُم بِهِۦ ۖ فَقَدْ لَبِثْتُ
فِيكُمْ عُمُرًا مِّن قَبْلِهِۦٓ ۚ أَفَلَا تَعْقِلُونَ ﴿16﴾ فَمَنْ أَظْلَمُ
مِمَّنِ ٱفْتَرَىٰ عَلَى ٱللَّهِ كَذِبًا أَوْ كَذَّبَ بِـَٔايَٰتِهِۦٓ ۚ إِنَّهُۥ
لَا يُفْلِحُ ٱلْمُجْرِمُونَ ﴿17﴾ وَيَعْبُدُونَ مِن دُونِ ٱللَّهِ
مَا لَا يَضُرُّهُمْ وَلَا يَنفَعُهُمْ وَيَقُولُونَ هَٰٓؤُلَآءِ شُفَعَٰٓؤُنَا
عِندَ ٱللَّهِ ۚ قُلْ أَتُنَبِّـُٔونَ ٱللَّهَ بِمَا لَا يَعْلَمُ فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَلَا
فِى ٱلْأَرْضِ ۚ سُبْحَٰنَهُۥ وَتَعَٰلَىٰ عَمَّا يُشْرِكُونَ ﴿18﴾ وَمَا كَانَ
ٱلنَّاسُ إِلَّآ أُمَّةً وَٰحِدَةً فَٱخْتَلَفُوا۟ ۚ وَلَوْلَا كَلِمَةٌ
سَبَقَتْ مِن رَّبِّكَ لَقُضِىَ بَيْنَهُمْ فِيمَا فِيهِ يَخْتَلِفُونَ
﴿19﴾ وَيَقُولُونَ لَوْلَآ أُنزِلَ عَلَيْهِ ءَايَةٌ مِّن رَّبِّهِۦ ۖ فَقُلْ إِنَّمَا
ٱلْغَيْبُ لِلَّهِ فَٱنتَظِرُوٓا۟ إِنِّى مَعَكُم مِّنَ ٱلْمُنتَظِرِينَ ﴿20﴾

15. Meta l-versi ċari tagħna jinqrawlhom, dawk li ma jittamawx fil-laqgħa magħna *(fl-Aħħar Jum)* jgħidu: "Ġib*(ilna Muħammad)* Qoran ieħor, jew *(inkella)* biddlu!" Għid*(ilhom)*: "Ma nistax inbiddlu minn rajja. Jiena ma nimxix għajr fuq dak li jitnebbaħ lili. Jekk ma nobdix lil Sidi, jiena tabilħaqq nibża' mill-kastig ta' Jum kbir *(u tal-biża')*."

16. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Li kieku Alla ried, ma kontx naqrahulkom, u lanqas kien jgħarrafkom bih. Jiena bqajt fostkom għomor *(sħiħ – erbgħin sena)* qablu *(qabel inżul il-Qoran)*. Mela ma tifhmux *(li Ktieb bħal dan nieżel mingħand Alla)*?"

17. Mela min huwa aktar ħati minn dak li jaqla' l-gideb dwar Alla *(u jgħid li l-Qoran huwa xogħol Muħammad)*, u jgiddeb is-sinjali tiegħu? Tabilħaqq li l-ħatjin ma humiex se jirbħu.

18. Minflok lil Alla huma jqimu lil dak li la jagħmlilhom deni u lanqas ġid, u jgħidu: "Dawk huma li jaqbżu għalina ma' Alla!" Għid*(ilhom)*: "Jaqaw *(mingħalikom li)* qegħdin tgħarrfu lil Alla b'dak li Huwa ma jafx fis-smewwiet u lanqas fl-art?" Sebħ lilu! Huwa wisq ogħla minn dak li *(il-pagani)* ixierku miegħu.

19. Il-bnedmin *(minn żmien Adam sa Noè)* ma kinux ħlief ġens wieħed *(ilkoll Misilmin)*, iżda *(aktar tard)* ma qablux bejniethom *(u bdiet tingħata qima lill-idoli)*. Li kieku mhux għal Kelma li laħqet *(ingħatat)* minn Sidek *(li jagħti l-ħlas mistħoqq lil kulħadd fl-Aħħar Jum)*, kieku kien diġà sar ħaqq minnhom *(fid-dinja)* fuq dak li ma qablux dwaru.

20. Huma jgħidu *(fuq Muħammad)*: "Għaliex ma tniżżilx fuqu xi sinjal minn Sidu *(bħalma kienu tniżżlu fuq il-Mibgħutin ta' qablu)*?" Għid*(ilhom)*: "Il-mistur huwa ta' Alla biss! Mela stennew *(u taraw x'se jiġri)*; jiena nistenna magħkom!"

وَإِذَآ أَذَقْنَا ٱلنَّاسَ رَحْمَةً مِّنۢ بَعْدِ ضَرَّآءَ مَسَّتْهُمْ إِذَا لَهُم مَّكْرٌ فِىٓ
ءَايَاتِنَا ۚ قُلِ ٱللَّهُ أَسْرَعُ مَكْرًا ۚ إِنَّ رُسُلَنَا يَكْتُبُونَ مَا تَمْكُرُونَ
(21) هُوَ ٱلَّذِى يُسَيِّرُكُمْ فِى ٱلْبَرِّ وَٱلْبَحْرِ ۖ حَتَّىٰٓ إِذَا كُنتُمْ فِى ٱلْفُلْكِ
وَجَرَيْنَ بِهِم بِرِيحٍ طَيِّبَةٍ وَفَرِحُوا۟ بِهَا جَآءَتْهَا رِيحٌ عَاصِفٌ
وَجَآءَهُمُ ٱلْمَوْجُ مِن كُلِّ مَكَانٍ وَظَنُّوٓا۟ أَنَّهُمْ أُحِيطَ بِهِمْ ۙ دَعَوُا۟
ٱللَّهَ مُخْلِصِينَ لَهُ ٱلدِّينَ لَئِنْ أَنجَيْتَنَا مِنْ هَٰذِهِۦ لَنَكُونَنَّ مِنَ
ٱلشَّٰكِرِينَ (22) فَلَمَّآ أَنجَىٰهُمْ إِذَا هُمْ يَبْغُونَ فِى ٱلْأَرْضِ بِغَيْرِ
ٱلْحَقِّ ۗ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ إِنَّمَا بَغْيُكُمْ عَلَىٰٓ أَنفُسِكُم ۖ مَّتَٰعَ ٱلْحَيَوٰةِ
ٱلدُّنْيَا ۖ ثُمَّ إِلَيْنَا مَرْجِعُكُمْ فَنُنَبِّئُكُم بِمَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ (23)
إِنَّمَا مَثَلُ ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا كَمَآءٍ أَنزَلْنَٰهُ مِنَ ٱلسَّمَآءِ فَٱخْتَلَطَ بِهِۦ
نَبَاتُ ٱلْأَرْضِ مِمَّا يَأْكُلُ ٱلنَّاسُ وَٱلْأَنْعَٰمُ حَتَّىٰٓ إِذَآ أَخَذَتِ ٱلْأَرْضُ
زُخْرُفَهَا وَٱزَّيَّنَتْ وَظَنَّ أَهْلُهَآ أَنَّهُمْ قَٰدِرُونَ عَلَيْهَآ
أَتَىٰهَآ أَمْرُنَا لَيْلًا أَوْ نَهَارًا فَجَعَلْنَٰهَا حَصِيدًا كَأَن لَّمْ تَغْنَ
بِٱلْأَمْسِ ۚ كَذَٰلِكَ نُفَصِّلُ ٱلْءَايَٰتِ لِقَوْمٍ يَتَفَكَّرُونَ (24) وَٱللَّهُ
يَدْعُوٓا۟ إِلَىٰ دَارِ ٱلسَّلَٰمِ وَيَهْدِى مَن يَشَآءُ إِلَىٰ صِرَٰطٍ مُّسْتَقِيمٍ (25)

21. Meta ndewqu lin-nies ħniena *(mingħandna)*, wara li tkun messithom il-ħsara, malajr inassu kontra s-sinjali tagħna. Għid *(Muħammad)*: "Alla eħfef fit-tnassis." Tabilħaqq li l-Mibgħutin tagħna *(l-anġli)* qegħdin jiktbu dak li tnassu *(u għad ifakkruhulkom)*.

22. Huwa li jgħaddikom minn fuq l-art u l-baħar, hekk li meta tkunu fl-imriekeb, u jiġru bihom b'riħ tajjeb, u jifirħu bih, *(dlonk)* jiġihom riħ qawwi, u jiġihom il-mewġ minn kullimkien, u jaħsbu li se jinqerdu. Huma jsejħu lil Alla u jduru lejh bi twemmin safi, *(u jgħidu hekk)*: "Jekk teħlisna minn dan, inkunu tassew minn dawk li jiżżu ħajr!"

23. Iżda meta jeħlishom, arahom jagħmlu l-ħażen fuq l-art, mingħajr ħaqq. Ja nies, il-ħażen tagħkom ma huwiex għajr kontra tagħkom infuskom; *(huwa)* it-tgawdija tal-ħajja *(f'din)* id-dinja. Imbagħad lejna terġgħu lura, u ngħarrfukom b'dak li kontu tagħmlu.

24. Il-ħajja *(f'din)* id-dinja tixbah lil ilma li nniżżlu mis-sema: il-ħxejjex ta' l-art jitħalltu miegħu – dak li n-nies u l-bhejjem jieklu – u meta l-art tkun fil-ġmiel *(kollu)* tagħha u tiżżejjen *(bil-frott bnin)*, u niesha jaħsbu li huma jistgħu għaliha *(u jafu biżżejjed kif jiksbu l-ikel minnha)*, l-amar tagħna jiġiha billejl, jew binhar, u naħsduha *(hekk li ma jibqa' xejn minnha)*, bħallikieku ma ħaddritx fil-jum ta' qabel. Hekk infissru bir-reqqa s-sinjali lil nies li jixtarru *(is-siwi tagħhom)*.

25. Iżda Alla jsejjaħ għal Dar is-Sliem *(fil-Ġenna)*, u lil min irid imexxi fit-triq id-dritta *(li hija l-Islam)*.

الحزب 22

۞ لِّلَّذِينَ أَحْسَنُوا۟ ٱلْحُسْنَىٰ وَزِيَادَةٌ ۖ وَلَا يَرْهَقُ وُجُوهَهُمْ قَتَرٌ
وَلَا ذِلَّةٌ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلْجَنَّةِ ۖ هُمْ فِيهَا خَٰلِدُونَ ﴿26﴾ وَٱلَّذِينَ
كَسَبُوا۟ ٱلسَّيِّـَٔاتِ جَزَآءُ سَيِّئَةٍۭ بِمِثْلِهَا وَتَرْهَقُهُمْ ذِلَّةٌ ۖ مَّا لَهُم مِّنَ
ٱللَّهِ مِنْ عَاصِمٍ ۖ كَأَنَّمَآ أُغْشِيَتْ وُجُوهُهُمْ قِطَعًا مِّنَ ٱلَّيْلِ مُظْلِمًا ۚ
أُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلنَّارِ ۖ هُمْ فِيهَا خَٰلِدُونَ ﴿27﴾ وَيَوْمَ نَحْشُرُهُمْ
جَمِيعًا ثُمَّ نَقُولُ لِلَّذِينَ أَشْرَكُوا۟ مَكَانَكُمْ أَنتُمْ وَشُرَكَآؤُكُمْ ۚ فَزَيَّلْنَا
بَيْنَهُمْ ۖ وَقَالَ شُرَكَآؤُهُم مَّا كُنتُمْ إِيَّانَا تَعْبُدُونَ ﴿28﴾ فَكَفَىٰ بِٱللَّهِ
شَهِيدًۢا بَيْنَنَا وَبَيْنَكُمْ إِن كُنَّا عَنْ عِبَادَتِكُمْ لَغَٰفِلِينَ ﴿29﴾
هُنَالِكَ تَبْلُوا۟ كُلُّ نَفْسٍ مَّآ أَسْلَفَتْ ۚ وَرُدُّوٓا۟ إِلَى ٱللَّهِ مَوْلَىٰهُمُ
ٱلْحَقِّ ۖ وَضَلَّ عَنْهُم مَّا كَانُوا۟ يَفْتَرُونَ ﴿30﴾ قُلْ مَن يَرْزُقُكُم
مِّنَ ٱلسَّمَآءِ وَٱلْأَرْضِ أَمَّن يَمْلِكُ ٱلسَّمْعَ وَٱلْأَبْصَٰرَ وَمَن يُخْرِجُ
ٱلْحَىَّ مِنَ ٱلْمَيِّتِ وَيُخْرِجُ ٱلْمَيِّتَ مِنَ ٱلْحَىِّ وَمَن يُدَبِّرُ ٱلْأَمْرَ ۚ
فَسَيَقُولُونَ ٱللَّهُ ۚ فَقُلْ أَفَلَا تَتَّقُونَ ﴿31﴾ فَذَٰلِكُمُ ٱللَّهُ رَبُّكُمُ ٱلْحَقُّ ۖ
فَمَاذَا بَعْدَ ٱلْحَقِّ إِلَّا ٱلضَّلَٰلُ ۖ فَأَنَّىٰ تُصْرَفُونَ ﴿32﴾ كَذَٰلِكَ
حَقَّتْ كَلِمَتُ رَبِّكَ عَلَى ٱلَّذِينَ فَسَقُوٓا۟ أَنَّهُمْ لَا يُؤْمِنُونَ ﴿33﴾

26. Għal dawk li *(bit-twemmin tajjeb tagħhom)* jagħmlu t-tajjeb hemm l-aħjar *(ħlas fil-Ġenna)*, u aktar! La swied u lanqas tkasbir ma jiksu l-uċuħ tagħhom. Dawk huma nies il-Ġenna, u fiha jgħammru għal dejjem.

27. Dawk li kisbu *(għalihom infushom)* għemejjel ħżiena, *(ħalli jkunu jafu li)* il-ħlas ta' għemil ħażin ikun *(b'għemil)* bħalu, u t-tkasbir jgħattihom. Ma għandhomx min iħarishom minn Alla, u l-uċuħ tagħhom ikunu bħallikieku miksija b'biċċiet mudlama tal-lejl. Dawk huma nies in-Nar, u fih jgħammru għal dejjem.

28. Fil-Jum meta niġbruhom ilkoll, u ngħidu lil dawk li xierku *(allat oħra magħna)*: "Żommu postkom, intom u shabkom *(li xeriktu ma' Alla)*", imbagħad *(lill-ħżiena)* nifirduhom *(mit-tajbin)* u shabhom *(l-idoli)* jgħidu: "Intom mhux lilna kontu tqimu!

29. Alla huwa biżżejjed bħala xhud bejnna u bejnkom. Aħna ma konniex nafu bil-qima tagħkom *(għaliex aħna, ta' idoli bla ruħ li aħna, la stajna naraw, la nisimgħu, u lanqas nifhmu)*."

30. Hemmhekk kull ruħ iġġarrab dak *(it-tajjeb u l-ħażin)* li għamlet qabel. U *(kulħadd)* jintbagħat lura lejn Alla, il-Mulej tagħhom tabilħaqq, u jħallihom dak *(il-gideb kollu)* li kienu jaqilgħu *(meta qalu li l-idoli għad jaqbżu għalihom)*.

31. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Min jagħtikom l-għajxien tagħkom mis-sema u mill-art? Ta' min huma s-smigħ u l-ħars *(fil-bnedmin kollha)*? Min joħroġ il-ħaj mill-mejjet, u joħroġ il-mejjet mill-ħaj? Min imexxi kollox *(fil-ħolqien)*?" Imbagħad jgħidu: "Alla!" Għid*(ilhom)*: "Mela kif ma tibżgħux minnu *(u mill-kastig tiegħu, u tibqgħu tqimu l-allat)*?"

32. Dak huwa Alla, Sidkom tabilħaqq! U x'hemm, wara s-sewwa, għajr it-telfien? U kif ma taghtux kas *(u ma tqimux lil Alla Wieħed)*?

33. Hekk issehħ Kelmet Sidek kontra dawk li jagħmlu l-ħażen, għaliex huma ma jemmnux.

قُلْ هَلْ مِن شُرَكَآئِكُم مَّن يَبْدَؤُا۟ ٱلْخَلْقَ ثُمَّ يُعِيدُهُۥ ۚ قُلِ ٱللَّهُ يَبْدَؤُا۟
ٱلْخَلْقَ ثُمَّ يُعِيدُهُۥ ۖ فَأَنَّىٰ تُؤْفَكُونَ ﴿34﴾ قُلْ هَلْ مِن شُرَكَآئِكُم مَّن يَهْدِىٓ
إِلَى ٱلْحَقِّ ۚ قُلِ ٱللَّهُ يَهْدِى لِلْحَقِّ ۗ أَفَمَن يَهْدِىٓ إِلَى ٱلْحَقِّ أَحَقُّ أَن
يُتَّبَعَ أَمَّن لَّا يَهِدِّىٓ إِلَّآ أَن يُهْدَىٰ ۖ فَمَا لَكُمْ كَيْفَ تَحْكُمُونَ ﴿35﴾
وَمَا يَتَّبِعُ أَكْثَرُهُمْ إِلَّا ظَنًّا ۚ إِنَّ ٱلظَّنَّ لَا يُغْنِى مِنَ ٱلْحَقِّ شَيْـًٔا ۚ إِنَّ ٱللَّهَ
عَلِيمٌۢ بِمَا يَفْعَلُونَ ﴿36﴾ وَمَا كَانَ هَٰذَا ٱلْقُرْءَانُ أَن يُفْتَرَىٰ مِن دُونِ
ٱللَّهِ وَلَٰكِن تَصْدِيقَ ٱلَّذِى بَيْنَ يَدَيْهِ وَتَفْصِيلَ ٱلْكِتَٰبِ لَا رَيْبَ
فِيهِ مِن رَّبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿37﴾ أَمْ يَقُولُونَ ٱفْتَرَىٰهُ ۖ قُلْ فَأْتُوا۟ بِسُورَةٍ
مِّثْلِهِۦ وَٱدْعُوا۟ مَنِ ٱسْتَطَعْتُم مِّن دُونِ ٱللَّهِ إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ ﴿38﴾
بَلْ كَذَّبُوا۟ بِمَا لَمْ يُحِيطُوا۟ بِعِلْمِهِۦ وَلَمَّا يَأْتِهِمْ تَأْوِيلُهُۥ ۚ كَذَٰلِكَ كَذَّبَ
ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ ۖ فَٱنظُرْ كَيْفَ كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿39﴾
وَمِنْهُم مَّن يُؤْمِنُ بِهِۦ وَمِنْهُم مَّن لَّا يُؤْمِنُ بِهِۦ ۚ وَرَبُّكَ أَعْلَمُ
بِٱلْمُفْسِدِينَ ﴿40﴾ وَإِن كَذَّبُوكَ فَقُل لِّى عَمَلِى وَلَكُمْ عَمَلُكُمْ ۖ
أَنتُم بَرِيٓـُٔونَ مِمَّآ أَعْمَلُ وَأَنَا۠ بَرِىٓءٌ مِّمَّا تَعْمَلُونَ ﴿41﴾ وَمِنْهُم مَّن
يَسْتَمِعُونَ إِلَيْكَ ۚ أَفَأَنتَ تُسْمِعُ ٱلصُّمَّ وَلَوْ كَانُوا۟ لَا يَعْقِلُونَ ﴿42﴾

34. Għid*(ilhom)*: "Jaqaw hemm fost shabkom *(l-allat u l-idoli li tqimu)* min *(għandu l-ħila)* jibda l-holqien, imbagħad jerġa' jibdieh *(wara li jeqirdu)*?" Għid: "Huwa Alla li jibda l-ħolqien, imbagħad jerġa' jibdieh *(wara li jeqirdu)*! Mela kif tinqalbu *(fi ħsiebkom u tagħmlu kollox ta' taħt fuq, meta tafu dan kollu)*?"

35. Għid*(ilhom ukoll)*: "Jaqaw hemm fost shabkom *(l-allat u l-idoli li tqimu)* min *(għandu l-ħila)* imexxi lejn is-sewwa?" Għid: "Huwa Alla li jmexxi lejn is-sewwa. Mela min jistħoqq l-aktar li wieħed jimxi warajh: Min imexxi lejn is-sewwa *(Alla)*, jew min *(bħal xi alla falz jew xi idolu)* ma jmexxix *(għaliex ma jistax, u ma għandux triq oħra)* ħlief li huwa *(stess)* ikun immexxi? Mela x'għandkom *(tgħidu dwar dan)*, u kif taqtgħuha *(dwar din li tqisu lil Alla l-Imbierek daqs l-allat foloz)*?"

36. Iżda l-kotra tagħhom ma jimxux għajr fuq stħajjil *(li l-idoli huma tassew allat)*. Tabilħaqq li l-istħajjil ma jiswa xejn għas-sewwa. Alla tassew jaf b'kulma jagħmlu.

37. Dan il-Qoran ma seta' jsir minn ħadd għajr minn Alla, iżda huwa jseddaq dak li ġie qablu *(fit-Torā u fl-Evanġelju)*, u huwa tifsir bir-reqqa tal-Ktieb *(li jinsab għand Alla)*. Ma hemm ebda dubju fih *(u huwa Rivelazzjoni)* minn Sid il-ħolqien.

38. Jew jgħidu: "Huwa *(Muħammad)* li qalgħu minn żniedu"? Għid*(ilhom)*: "Ġibu sura bħalu u sejħu, minflok lil Alla, lil min tistgħu *(u araw issibux fil-ħolqien kollu min għandu l-ħila jġib sura bħalu)*, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa."

39. Iżda huma giddbu dak li ma jafux sewwa, u li t-tifsira *(u t-twissija)* tiegħu għadha ma ġithomx. Hekk ukoll dawk ta' qabilhom giddbu *(is-sewwa)*, iżda ara *(Muħammad)* kif kien tmiem il-ħżiena.

40. Hemm minnhom li jemmen fih *(il-Qoran)*, u minnhom li ma jemminx fih. Sidek jaf l-aktar b'dawk li jagħmlu l-ħsara.

41. Jekk igiddbuk, għid*(ilhom)*: "Jiena għandi xogħli *(u l-ħlas tiegħu)*, u intom għandkom xogħolkom *(u l-ħlas tiegħu)*; intom ħielsa minn dak li nagħmel, u jiena ħieles minn dak li tagħmlu!"

42. Fosthom hemm dawk li jisimgħuk *(taqra l-Qoran, mingħajr ma jifhmu)*. Mela inti *(Muħammad, tista')* issemma' lit-torox, anki jekk ma jistgħux jifhmu?

وَمِنْهُم مَّن يَنظُرُ إِلَيْكَ ۚ أَفَأَنتَ تَهْدِى ٱلْعُمْىَ وَلَوْ كَانُوا۟
لَا يُبْصِرُونَ ﴿43﴾ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يَظْلِمُ ٱلنَّاسَ شَيْـًٔا وَلَٰكِنَّ
ٱلنَّاسَ أَنفُسَهُمْ يَظْلِمُونَ ﴿44﴾ وَيَوْمَ يَحْشُرُهُمْ كَأَن لَّمْ يَلْبَثُوٓا۟ إِلَّا
سَاعَةً مِّنَ ٱلنَّهَارِ يَتَعَارَفُونَ بَيْنَهُمْ ۚ قَدْ خَسِرَ ٱلَّذِينَ كَذَّبُوا۟ بِلِقَآءِ ٱللَّهِ
وَمَا كَانُوا۟ مُهْتَدِينَ ﴿45﴾ وَإِمَّا نُرِيَنَّكَ بَعْضَ ٱلَّذِى نَعِدُهُمْ أَوْ نَتَوَفَّيَنَّكَ
فَإِلَيْنَا مَرْجِعُهُمْ ثُمَّ ٱللَّهُ شَهِيدٌ عَلَىٰ مَا يَفْعَلُونَ ﴿46﴾ وَلِكُلِّ
أُمَّةٍ رَّسُولٌ ۖ فَإِذَا جَآءَ رَسُولُهُمْ قُضِىَ بَيْنَهُم بِٱلْقِسْطِ وَهُمْ
لَا يُظْلَمُونَ ﴿47﴾ وَيَقُولُونَ مَتَىٰ هَٰذَا ٱلْوَعْدُ إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ
﴿48﴾ قُل لَّآ أَمْلِكُ لِنَفْسِى ضَرًّا وَلَا نَفْعًا إِلَّا مَا شَآءَ ٱللَّهُ ۗ لِكُلِّ أُمَّةٍ
أَجَلٌ ۚ إِذَا جَآءَ أَجَلُهُمْ فَلَا يَسْتَـْٔخِرُونَ سَاعَةً ۖ وَلَا يَسْتَقْدِمُونَ ﴿49﴾
قُلْ أَرَءَيْتُمْ إِنْ أَتَىٰكُمْ عَذَابُهُۥ بَيَٰتًا أَوْ نَهَارًا مَّاذَا يَسْتَعْجِلُ مِنْهُ
ٱلْمُجْرِمُونَ ﴿50﴾ أَثُمَّ إِذَا مَا وَقَعَ ءَامَنتُم بِهِۦٓ ۚ ءَآلْـَٰٔنَ وَقَدْ كُنتُم بِهِۦ
تَسْتَعْجِلُونَ ﴿51﴾ ثُمَّ قِيلَ لِلَّذِينَ ظَلَمُوا۟ ذُوقُوا۟ عَذَابَ ٱلْخُلْدِ
هَلْ تُجْزَوْنَ إِلَّا بِمَا كُنتُمْ تَكْسِبُونَ ﴿52﴾ ۞ وَيَسْتَنۢبِـُٔونَكَ
أَحَقٌّ هُوَ ۖ قُلْ إِى وَرَبِّىٓ إِنَّهُۥ لَحَقٌّ ۖ وَمَآ أَنتُم بِمُعْجِزِينَ ﴿53﴾

ربع الحزب 22

43. U fosthom hemm min iħares lejk *(u jsib fik is-sinjali li juru li inti tassew Profeta, iżda xorta jwebbes rasu)*. Iżda inti *(Muħammad, tista')* tmexxi lill-għomja, anki jekk ma jistgħux jaraw?

44. Tabilħaqq li Alla ma jonqos f'xejn lejn in-nies, iżda huma n-nies li jonqsu lejhom infushom.

45. Fil-Jum li jiġborhom *(lill-pagani, biex jagħmel ħaqq minnhom, ikunu qishom)* ma damux ħlief siegħa mill-jum, u jagħrfu lil xulxin *(u jinkixef dak kollu li bih kienu jonqsu lejn xulxin)*. Tellifin huma dawk li giddbu l-laqgħa ma' Alla *(fl-Aħħar Jum)*, u ma kinux fit-triq it-tajba.

46. Sew jekk nuruk *(Muħammad, f'ħajtek)* xi ftit minn dak *(il-kastig)* li nwegħduhom, u sew jekk *(nilħqu)* neħdulek ħajtek *(biex tinġabar magħna, kun af li llum jew għada)*, lejna għad jerġgħu lura. Imbagħad Alla jkun xhud ta' dak li jagħmlu.

47. Lil kull ġens *(intbagħat)* Mibgħut, u meta *(dan)* il-Mibgħut tagħhom jiġi *(quddiemhom fl-Aħħar Jum)*, isir ħaqq minnhom kif jixraq, u ma jmorrux minn taħt.

48. *(Dawk li ma jemmnux, bi tkasbir)* jgħidu: "Din il-wegħda *(dwar il-kastig tal-ħżiena)* meta *(se sseħħ)*, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa?"

49. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Jiena ma nistax inġib ħsara jew ġid għalija nnifsi, għajr dak li jrid Alla! Kull ġens għandu żmien *(li jafu Alla biss, meta jinqered u jieħu l-kastig)*. Meta jasal żmienhom, la jkunu jistgħu jtawlu*(h)* b'siegħa, u lanqas inaqqsu*(h)*."

50. Għid: "X'taħsbu: jekk il-kastig tiegħu jiġikom billejl jew binhar, liema *(biċċa)* minnu *(ikunu jixtiequ)* jgħaġġlu l-ħatjin?

51. Jaqaw *(se tibqgħu taħlu ż-żmien u)* imbagħad meta jseħħ *(dan kollu)*, se temmnu fih *(il-kastig)*? Jaqaw issa *(tridu temmnu)*, meta *(qabel, biex mingħalikom twaqqgħu dawn il-ħwejjeġ għaċ-ċajt)* kontu qegħdin tgħaġġluh *(il-kastig tagħkom)*?"

52. Imbagħad jingħad lil dawk li għamlu l-ħażen: "Duqu l-kastig ta' dejjem! Jaqaw mhux ta' dak *(il-ħażen)* biss li kontu tiksbu qegħdin titħallsu?"

53. Huma jistaqsuk *(Muħammad)* biex isiru jafu: "Jaqaw dan huwa tabilħaqq *(li qiegħed tgħidilna dwar il-kastig)*?" Għid*(ilhom)*: "Mela, fuq Sidi, dan huwa s-sewwa, u m'intomx se taħarbu *(il-kastig ta' Alla)*!"

وَلَوْ أَنَّ لِكُلِّ نَفْسٍ ظَلَمَتْ مَا فِي الْأَرْضِ لَافْتَدَتْ بِهِ ۗ وَأَسَرُّوا
النَّدَامَةَ لَمَّا رَأَوُا الْعَذَابَ ۚ وَقُضِيَ بَيْنَهُمْ بِالْقِسْطِ وَهُمْ
لَا يُظْلَمُونَ ﴿54﴾ أَلَا إِنَّ لِلَّهِ مَا فِي السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضِ ۗ أَلَا إِنَّ
وَعْدَ اللَّهِ حَقٌّ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿55﴾ هُوَ يُحْيِي وَيُمِيتُ
وَإِلَيْهِ تُرْجَعُونَ ﴿56﴾ يَا أَيُّهَا النَّاسُ قَدْ جَاءَتْكُمْ مَوْعِظَةٌ
مِنْ رَبِّكُمْ وَشِفَاءٌ لِمَا فِي الصُّدُورِ وَهُدًى وَرَحْمَةٌ لِلْمُؤْمِنِينَ
﴿57﴾ قُلْ بِفَضْلِ اللَّهِ وَبِرَحْمَتِهِ فَبِذَٰلِكَ فَلْيَفْرَحُوا هُوَ خَيْرٌ مِمَّا
يَجْمَعُونَ ﴿58﴾ قُلْ أَرَأَيْتُمْ مَا أَنْزَلَ اللَّهُ لَكُمْ مِنْ رِزْقٍ
فَجَعَلْتُمْ مِنْهُ حَرَامًا وَحَلَالًا قُلْ آللَّهُ أَذِنَ لَكُمْ ۖ أَمْ عَلَى اللَّهِ
تَفْتَرُونَ ﴿59﴾ وَمَا ظَنُّ الَّذِينَ يَفْتَرُونَ عَلَى اللَّهِ الْكَذِبَ
يَوْمَ الْقِيَامَةِ ۗ إِنَّ اللَّهَ لَذُو فَضْلٍ عَلَى النَّاسِ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَهُمْ
لَا يَشْكُرُونَ ﴿60﴾ وَمَا تَكُونُ فِي شَأْنٍ وَمَا تَتْلُوا مِنْهُ مِنْ قُرْآنٍ
وَلَا تَعْمَلُونَ مِنْ عَمَلٍ إِلَّا كُنَّا عَلَيْكُمْ شُهُودًا إِذْ تُفِيضُونَ
فِيهِ ۚ وَمَا يَعْزُبُ عَنْ رَبِّكَ مِنْ مِثْقَالِ ذَرَّةٍ فِي الْأَرْضِ وَلَا فِي
السَّمَاءِ وَلَا أَصْغَرَ مِنْ ذَٰلِكَ وَلَا أَكْبَرَ إِلَّا فِي كِتَابٍ مُبِينٍ ﴿61﴾

54. Li kieku kull ruħ midinba jkollha kulma jinsab fuq l-art, kienet *(tipprova)* tinfeda bih. U meta *(il-midinbin)* jaraw il-kastig, huma juru l-indiema, iżda jsir ħaqq minnhom kif jixraq. Huma ma jmorrux minn taħt *(u kulħadd jieħu li ħaqqu)*.

55. Tabilħaqq li ta' Alla kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art. Tabilħaqq li l-wegħda ta' Alla *(dwar Jum il-Qawmien)* hija minnha, iżda ħafna minnhom ma jafux.

56. Huwa jagħti l-ħajja u jagħti l-mewt, u lejh titreġġgħu lura.

57. Ja nies, ġietkom twissija *(il-Qoran)* minn Sidkom, fejqan għal*(l-mard)* li hemm fil-qlub, u tmexxija tajba u ħniena *(minn Alla)* għal dawk li jemmnu.

58. Għid *(Muħammad)*: "Bit-tjieba ta' Alla *(il-Qoran)* u bil-ħniena tiegħu *(l-Islam)*, b'dak għandhom jifirħu; huwa aħjar minn dak *(il-ġid kollu)* li jiġmgħu."

59. Għid: "X'taħsbu *(ja pagani)* dwar dak li Alla niżżlilkom bħala għajxien *(għalikom)*, li intom *(qbadtu)* u għamiltu minnu dak li ma jiswiex, u dak li jiswa?" Għid*(ilhom)*: "Jaqaw Alla takom permess *(tagħmlu dan)*, jew qegħdin taqilgħu l-gideb dwar Alla?"

60. U x'jaħsbu dawk li jaqilgħu l-gideb dwar Alla *(li se jiġri minnhom)* f'Jum il-Qawmien? Alla tabilħaqq Kollu Tjieba man-nies, iżda ħafna minnhom ma jiżżux ħajr.

61. Inti *(Muħammad)* ma tagħmel ebda xogħol, u lanqas taqra xejn mill-Qoran, u *(intom il-bnedmin)* ma tagħmlu ebda ħidma *(tajba jew ħażina)* jekk Aħna ma nkunux xhieda tagħkom meta tkunu mħabbtin b'dan *(kollu)*. Lil Sidek ma jaħrablux it-toqol ta' atomu, fuq l-art u fis-sema, u lanqas ma hemm iżgħar minnu, u lanqas akbar, li ma huwiex fi ktieb mill-aktar ċar.

أَلَآ إِنَّ أَوْلِيَآءَ ٱللَّهِ لَا خَوْفٌ عَلَيْهِمْ وَلَا هُمْ يَحْزَنُونَ
(62) ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَكَانُوا۟ يَتَّقُونَ (63) لَهُمُ ٱلْبُشْرَىٰ
فِى ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا وَفِى ٱلْـَٔاخِرَةِ ۚ لَا تَبْدِيلَ لِكَلِمَٰتِ ٱللَّهِ ۚ
ذَٰلِكَ هُوَ ٱلْفَوْزُ ٱلْعَظِيمُ (64) وَلَا يَحْزُنكَ قَوْلُهُمْ ۘ إِنَّ
ٱلْعِزَّةَ لِلَّهِ جَمِيعًا ۚ هُوَ ٱلسَّمِيعُ ٱلْعَلِيمُ (65) أَلَآ إِنَّ لِلَّهِ
مَن فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَن فِى ٱلْأَرْضِ ۗ وَمَا يَتَّبِعُ ٱلَّذِينَ
يَدْعُونَ مِن دُونِ ٱللَّهِ شُرَكَآءَ ۚ إِن يَتَّبِعُونَ إِلَّا
ٱلظَّنَّ وَإِنْ هُمْ إِلَّا يَخْرُصُونَ (66) هُوَ ٱلَّذِى جَعَلَ لَكُمُ
ٱلَّيْلَ لِتَسْكُنُوا۟ فِيهِ وَٱلنَّهَارَ مُبْصِرًا ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ
لَـَٔايَٰتٍ لِّقَوْمٍ يَسْمَعُونَ (67) قَالُوا۟ ٱتَّخَذَ ٱللَّهُ وَلَدًا ۗ
سُبْحَٰنَهُۥ ۖ هُوَ ٱلْغَنِىُّ ۖ لَهُۥ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِى ٱلْأَرْضِ ۚ
إِنْ عِندَكُم مِّن سُلْطَٰنٍۭ بِهَٰذَا ۚ أَتَقُولُونَ عَلَى ٱللَّهِ مَا
لَا تَعْلَمُونَ (68) قُلْ إِنَّ ٱلَّذِينَ يَفْتَرُونَ عَلَى ٱللَّهِ ٱلْكَذِبَ
لَا يُفْلِحُونَ (69) مَتَٰعٌ فِى ٱلدُّنْيَا ثُمَّ إِلَيْنَا مَرْجِعُهُمْ ثُمَّ
نُذِيقُهُمُ ٱلْعَذَابَ ٱلشَّدِيدَ بِمَا كَانُوا۟ يَكْفُرُونَ (70)

62. Ara! Il-ħbieb ta' Alla ma hemm ebda biża' fuqhom *(dakinhar ta' Jum il-Ħaqq)*, u lanqas jitnikktu.
63. Huma dawk li jemmnu u jibżgħu minn Alla.
64. Tagħhom hija l-bxara t-tajba fil-ħajja *(f'din)* id-dinja u fl-Oħra. Ma hemm ebda tibdil fil-Kelmiet ta' Alla. Dik hija r-rebħa l-kbira.
65. Tħallix kliemhom *(Muħammad, u l-gideb tagħhom dwar Alla u dwarek)* inikktek. Tabilħaqq li l-qawwa kollha hija ta' Alla. Huwa li jisma' kollox u jaf kollox.
66. Tabilħaqq ta' Alla huwa kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art! Dawk li jsejħu *(allat oħra)* minflok lil Alla ma humiex qegħdin jimxu wara sħab *(li huma tassew imseħbin ma' Alla)*. Huma ma humiex qegħdin jimxu għajr wara l-istħajjil, u ma humiex ħlief jigdbu.
67. Huwa li għamlilkom il-lejl biex tistrieħu fih, u l-jum imdawwal *(biex taraw fih u tagħmlu l-ħidma tagħkom)*. F'dan tabilħaqq hemm sinjali għal nies li jisimgħu.
68. Huma jgħidu: "Alla għandu iben." Sebħ lilu! Huwa l-Għani *(u ma għandu bżonn lil ħadd)*. Tiegħu kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art. Ma għandkom ebda prova ta' dan *(il-kliem)*. Jaqaw qegħdin tgħidu dwar Alla dak li ma tafux?
69. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Tabilħaqq li dawk li jaqilgħu l-gideb dwar Alla ma humiex se jirbħu!"
70. *(Ftit)* tgawdija fid-dinja, imbagħad lejna jerġgħu lura *(biex jagħtu kont ta' ħajjithom)*. Imbagħad indewquhom il-kastig il-qalil talli ma kinux jemmnu.

نصف الحزب 22

۞ وَاتْلُ عَلَيْهِمْ نَبَأَ نُوحٍ إِذْ قَالَ لِقَوْمِهِ يَا قَوْمِ إِن كَانَ كَبُرَ عَلَيْكُم
مَّقَامِي وَتَذْكِيرِي بِآيَاتِ اللَّهِ فَعَلَى اللَّهِ تَوَكَّلْتُ فَأَجْمِعُوا
أَمْرَكُمْ وَشُرَكَاءَكُمْ ثُمَّ لَا يَكُنْ أَمْرُكُمْ عَلَيْكُمْ غُمَّةً ثُمَّ اقْضُوا
إِلَيَّ وَلَا تُنظِرُونِ ﴿71﴾ فَإِن تَوَلَّيْتُمْ فَمَا سَأَلْتُكُم مِّنْ أَجْرٍ ۖ إِنْ
أَجْرِيَ إِلَّا عَلَى اللَّهِ ۖ وَأُمِرْتُ أَنْ أَكُونَ مِنَ الْمُسْلِمِينَ ﴿72﴾
فَكَذَّبُوهُ فَنَجَّيْنَاهُ وَمَن مَّعَهُ فِي الْفُلْكِ وَجَعَلْنَاهُمْ خَلَائِفَ
وَأَغْرَقْنَا الَّذِينَ كَذَّبُوا بِآيَاتِنَا ۖ فَانظُرْ كَيْفَ كَانَ عَاقِبَةُ الْمُنذَرِينَ
﴿73﴾ ثُمَّ بَعَثْنَا مِن بَعْدِهِ رُسُلًا إِلَىٰ قَوْمِهِمْ فَجَاءُوهُم بِالْبَيِّنَاتِ
فَمَا كَانُوا لِيُؤْمِنُوا بِمَا كَذَّبُوا بِهِ مِن قَبْلُ ۚ كَذَٰلِكَ نَطْبَعُ عَلَىٰ قُلُوبِ
الْمُعْتَدِينَ ﴿74﴾ ثُمَّ بَعَثْنَا مِن بَعْدِهِم مُّوسَىٰ وَهَارُونَ إِلَىٰ
فِرْعَوْنَ وَمَلَائِهِ بِآيَاتِنَا فَاسْتَكْبَرُوا وَكَانُوا قَوْمًا مُّجْرِمِينَ ﴿75﴾
فَلَمَّا جَاءَهُمُ الْحَقُّ مِنْ عِندِنَا قَالُوا إِنَّ هَٰذَا لَسِحْرٌ مُّبِينٌ ﴿76﴾
قَالَ مُوسَىٰ أَتَقُولُونَ لِلْحَقِّ لَمَّا جَاءَكُمْ ۖ أَسِحْرٌ هَٰذَا وَلَا يُفْلِحُ
السَّاحِرُونَ ﴿77﴾ قَالُوا أَجِئْتَنَا لِتَلْفِتَنَا عَمَّا وَجَدْنَا عَلَيْهِ آبَاءَنَا
وَتَكُونَ لَكُمَا الْكِبْرِيَاءُ فِي الْأَرْضِ وَمَا نَحْنُ لَكُمَا بِمُؤْمِنِينَ ﴿78﴾

71. Ħabbrilhom *(Muħammad, lil niesek f'Mekka)* il-ġrajja ta' Noè, meta qal lil niesu: "Ja niesi, jekk il-waqfa tiegħi *(fostkom)*, u t-tifkira *(u t-twissija)* tiegħi *(lilkom)* dwar is-sinjali ta' Alla qegħdin issibuhom tqal, mela *(kunu afu)* li jiena nħalli f'idejn Alla. Mela araw ma' sħabkom *(l-allat foloz)* x'se tagħmlu *(bija)*! U *(araw)* li din il-biċċa tagħkom ma tkunx mistura. Imbagħad agħmlu ħaqq minni, u ddewmunix!

72. Iżda jekk tagħtu daharkom *(u ma tridux tisimgħu l-messaġġ tiegħi, kunu afu)* li jiena ma tlabtkom ebda ħlas. Ħlasi mingħand Alla biss, u jiena ngħatajt l-amar li nkun fost il-Misilmin li jintelqu f'Alla."

73. Huma giddbuh, iżda Aħna ħlisna lilu u lil ta' miegħu *(u daħħalniehom)* fl-arka, u għamilniehom werrieta *(fuq l-art)*, u għerriqna lil dawk li giddbu s-sinjali tagħna. Ara kif kien tmiem l-imwissijin.

74. Imbagħad warajh bgħatna Mibgħutin *(oħra)* għand nieshom, u ġewhom bis-sinjali ċ-ċari, iżda m'emmnux f'dak *(it-twemmin safi)* li qabel kienu ċaħdu. Hekk inqiegħdu siġill fuq qlub dawk li jiksru l-liġi.

75. Imbagħad warajhom bgħatna lil Mosè u lil Aron għand il-Fargħun u l-kbarat tiegħu bis-sinjali tagħna, iżda *(il-Fargħun u l-kbarat tiegħu)* tkabbru *(u ma ridux jemmnu)*, u kienu nies mill-agħar.

76. Meta ġiehom is-sewwa mingħandna, huma qalu: "Dan tabilħaqq huwa seħer fid-dieher!"

77. Mosè qal: "Qed tgħidu *(hekk)* dwar is-sewwa meta ġiekom *(tabilħaqq)*? Dan seħer? Is-sħaħar ma jirbħux!"

78. Qalu: "Jaqaw ġejtna biex iddawwarna minn dak *(it-twemmin)* li sibna lil missirijietna fih, u tagħkom it-tnejn *(tiegħek u ta' ħuk Aron)* ikun il-kobor fl-art? Aħna ma nemmnukomx!"

وَقَالَ فِرْعَوْنُ ائْتُونِي بِكُلِّ سَاحِرٍ عَلِيمٍ ﴿79﴾ فَلَمَّا جَاءَ السَّحَرَةُ
قَالَ لَهُم مُّوسَىٰ أَلْقُوا مَا أَنتُم مُّلْقُونَ ﴿80﴾ فَلَمَّا أَلْقَوْا قَالَ
مُوسَىٰ مَا جِئْتُم بِهِ السِّحْرُ ۖ إِنَّ اللَّهَ سَيُبْطِلُهُ ۖ إِنَّ اللَّهَ لَا يُصْلِحُ
عَمَلَ الْمُفْسِدِينَ ﴿81﴾ وَيُحِقُّ اللَّهُ الْحَقَّ بِكَلِمَاتِهِ وَلَوْ كَرِهَ
الْمُجْرِمُونَ ﴿82﴾ فَمَا آمَنَ لِمُوسَىٰ إِلَّا ذُرِّيَّةٌ مِّن قَوْمِهِ عَلَىٰ
خَوْفٍ مِّن فِرْعَوْنَ وَمَلَائِهِمْ أَن يَفْتِنَهُمْ ۚ وَإِنَّ فِرْعَوْنَ لَعَالٍ
فِي الْأَرْضِ وَإِنَّهُ لَمِنَ الْمُسْرِفِينَ ﴿83﴾ وَقَالَ مُوسَىٰ يَا قَوْمِ إِن كُنتُمْ
آمَنتُم بِاللَّهِ فَعَلَيْهِ تَوَكَّلُوا إِن كُنتُم مُّسْلِمِينَ ﴿84﴾ فَقَالُوا عَلَى اللَّهِ
تَوَكَّلْنَا رَبَّنَا لَا تَجْعَلْنَا فِتْنَةً لِّلْقَوْمِ الظَّالِمِينَ ﴿85﴾ وَنَجِّنَا
بِرَحْمَتِكَ مِنَ الْقَوْمِ الْكَافِرِينَ ﴿86﴾ وَأَوْحَيْنَا إِلَىٰ مُوسَىٰ وَأَخِيهِ
أَن تَبَوَّآ لِقَوْمِكُمَا بِمِصْرَ بُيُوتًا وَاجْعَلُوا بُيُوتَكُمْ قِبْلَةً
وَأَقِيمُوا الصَّلَاةَ ۗ وَبَشِّرِ الْمُؤْمِنِينَ ﴿87﴾ وَقَالَ مُوسَىٰ
رَبَّنَا إِنَّكَ آتَيْتَ فِرْعَوْنَ وَمَلَأَهُ زِينَةً وَأَمْوَالًا فِي الْحَيَاةِ
الدُّنْيَا رَبَّنَا لِيُضِلُّوا عَن سَبِيلِكَ ۖ رَبَّنَا اطْمِسْ عَلَىٰ أَمْوَالِهِمْ
وَاشْدُدْ عَلَىٰ قُلُوبِهِمْ فَلَا يُؤْمِنُوا حَتَّىٰ يَرَوُا الْعَذَابَ الْأَلِيمَ ﴿88﴾

79. U qal il-Fargħun: "Ġibuli kull saħħar jilħaqlu!"
80. U meta ġew is-sħaħar, Mosè qalilhom: "Ixħtu *(fl-art)* dak li għandkom tixħtu *(ħbula u bsaten)*!"
81. U meta xeħtu*(hom)*, Mosè qal: "Dak li ġibtu huwa seħer, u Alla tassew iġibu fix-xejn, għaliex tabilħaqq li Alla ma jġibx 'il quddiem l-għemil ta' dawk li jagħmlu l-ħsara."
82. U Alla jseddaq is-sewwa bi Kliemu *(u bis-sinjali ċ-ċari tiegħu)*, minkejja li l-ħatjin jobogħdu *(dan)*.
83. Għalhekk m'emmnux f'Mosè, għajr ġemgħa minn niesu, għalkemm imbeżżgħa mill-Fargħun u l-kbarat tiegħu, li ma *(jmurx)* iġarrabhom. Tabilħaqq li l-Fargħun kien imkabbar u tirann fuq l-art, u tabilħaqq kien wieħed minn dawk mogħtijin għall-ħażen.
84. U Mosè qal: "Ja niesi, jekk temmnu f'Alla, mela ħallu f'idejh, jekk intom *(tassew)* Misilmin."
85. U qalu: "Aħna ħallejna f'idejn Alla. Sidna, la tagħmilx minna tiġrib għan-nies il-ħżiena,
86. u eħlisna, bil-ħniena tiegħek, min-nies li ma jemmnux."
87. Aħna nebbaħna lil Mosè u lil ħuh *(b'dan li ġej)*: "Agħmlu għal nieskom djar *(ta' talb u qima)* fl-Eġittu, *(u minħabba l-biża' tagħkom mill-Fargħun)* agħmlu minn djarkom imkejjen ta' qima, u agħmlu t-talb. Agħti l-bxara t-tajba lil dawk li jemmnu!"
88. U Mosè qal: "Sidna, Inti tajt lill-Fargħun u lill-kbarat tiegħu ż-żîna u l-ġid fil-ħajja *(f'din)* id-dinja. Sidna, *(huma użawhom)* biex *(jitilfu triqtek)* u jtellfu triqtek lil ħaddieħor! Sidna, ħassar il-ġid tagħhom u webbes qlubhom, hekk li ma jemmnux sa ma jaraw il-kastig ta' wġigħ *(u mbagħad ikun tard wisq)*."

قَالَ قَدْ أُجِيبَت دَّعْوَتُكُمَا فَٱسْتَقِيمَا وَلَا تَتَّبِعَآنِّ سَبِيلَ
ٱلَّذِينَ لَا يَعْلَمُونَ ﴿89﴾ ۞ وَجَٰوَزْنَا بِبَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ ٱلْبَحْرَ
فَأَتْبَعَهُمْ فِرْعَوْنُ وَجُنُودُهُۥ بَغْيًا وَعَدْوًا ۖ حَتَّىٰٓ إِذَآ أَدْرَكَهُ
ٱلْغَرَقُ قَالَ ءَامَنتُ أَنَّهُۥ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا ٱلَّذِىٓ ءَامَنَتْ بِهِۦ بَنُوٓا۟ إِسْرَٰٓءِيلَ
وَأَنَا۠ مِنَ ٱلْمُسْلِمِينَ ﴿90﴾ ءَآلْـَٰٔنَ وَقَدْ عَصَيْتَ قَبْلُ وَكُنتَ
مِنَ ٱلْمُفْسِدِينَ ﴿91﴾ فَٱلْيَوْمَ نُنَجِّيكَ بِبَدَنِكَ لِتَكُونَ لِمَنْ
خَلْفَكَ ءَايَةً ۚ وَإِنَّ كَثِيرًا مِّنَ ٱلنَّاسِ عَنْ ءَايَٰتِنَا لَغَٰفِلُونَ ﴿92﴾
وَلَقَدْ بَوَّأْنَا بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ مُبَوَّأَ صِدْقٍ وَرَزَقْنَٰهُم مِّنَ ٱلطَّيِّبَٰتِ
فَمَا ٱخْتَلَفُوا۟ حَتَّىٰ جَآءَهُمُ ٱلْعِلْمُ ۚ إِنَّ رَبَّكَ يَقْضِى بَيْنَهُمْ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ
فِيمَا كَانُوا۟ فِيهِ يَخْتَلِفُونَ ﴿93﴾ فَإِن كُنتَ فِى شَكٍّ مِّمَّآ أَنزَلْنَآ إِلَيْكَ
فَسْـَٔلِ ٱلَّذِينَ يَقْرَءُونَ ٱلْكِتَٰبَ مِن قَبْلِكَ ۚ لَقَدْ جَآءَكَ
ٱلْحَقُّ مِن رَّبِّكَ فَلَا تَكُونَنَّ مِنَ ٱلْمُمْتَرِينَ ﴿94﴾ وَلَا تَكُونَنَّ
مِنَ ٱلَّذِينَ كَذَّبُوا۟ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ فَتَكُونَ مِنَ ٱلْخَٰسِرِينَ
﴿95﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ حَقَّتْ عَلَيْهِمْ كَلِمَتُ رَبِّكَ لَا يُؤْمِنُونَ
﴿96﴾ وَلَوْ جَآءَتْهُمْ كُلُّ ءَايَةٍ حَتَّىٰ يَرَوُا۟ ٱلْعَذَابَ ٱلْأَلِيمَ ﴿97﴾

89. Alla qal: "It-talba tagħkom it-tnejn *(Mosè u Aron)* intlaqgħet. Mela ibqgħu mexjin fit-triq it-tajba, u la timxux fit-triq ta' dawk li ma jafux!"

90. Aħna għaddejna lil Ulied Israel mill-baħar, u l-Fargħun u l-qawwiet tiegħu marru għal warajhom b'inġustizzja u b'aggressjoni, hekk li meta laħqitu l-għarqa, *(il-Fargħun)* qal: "Jiena nemmen li ma hemmx alla ħlief Dak li emmnu fih Ulied Israel, u jiena mill-Misilmin."

91. *(Imbagħad intqal lilu)*: "Issa *(qiegħed temmen! Insejt li)* qabel m'obdejtx *(lil Alla)* u kont minn dawk li jagħmlu l-ħsara?

92. Illum neħilsuk *(mill-baħar)* b'ġismek *(biss, bla ruħ)*, biex tkun sinjal għal min jiġi warajk. Tabilħaqq li ħafna nies ma jagħtux kas tas-sinjali tagħna."

93. Aħna tajna lil Ulied Israel imkien mill-isbaħ biex jgħammru fih, u tajniehom l-aħjar għajxien. Kien biss wara li ġiehom l-għarfien *(li huwa t-Torā)* li huma ma qablux bejniethom *(dwar ir-reliġjon)*. Tabilħaqq li Sidek jagħmel ħaqq minnhom f'Jum il-Qawmien minħabba dak li ma kinux jaqblu fuqu.

94. Jekk tinsab *(Muħammad)* bejn ħalltejn dwar dak li niżżilnielek, mela staqsi lil dawk *(il-Lhud u l-Insara)* li kienu jaqraw il-Ktieb qablek. Tabilħaqq ġiek is-sewwa minn Sidek, u għalhekk tkunx minn ta' bejn ħalltejn.

95. Lanqas tkun minn dawk li giddbu s-sinjali ta' Alla, għaliex tkun mit-tellifin.

96. Tabilħaqq dawk li Kelmet Sidek seħħet kontrihom, ma jemmnu *(qatt)*,

97. lanqas li kellu jiġihom kull sinjal, sa ma jaraw il-kastig ta' wġigħ.

فَلَوْلَا كَانَتْ قَرْيَةٌ ءَامَنَتْ فَنَفَعَهَآ إِيمَٰنُهَآ إِلَّا قَوْمَ يُونُسَ لَمَّآ
ءَامَنُوا۟ كَشَفْنَا عَنْهُمْ عَذَابَ ٱلْخِزْىِ فِى ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا وَمَتَّعْنَٰهُمْ
إِلَىٰ حِينٍ ﴿98﴾ وَلَوْ شَآءَ رَبُّكَ لَءَامَنَ مَن فِى ٱلْأَرْضِ كُلُّهُمْ
جَمِيعًا ۚ أَفَأَنتَ تُكْرِهُ ٱلنَّاسَ حَتَّىٰ يَكُونُوا۟ مُؤْمِنِينَ ﴿99﴾ وَمَا
كَانَ لِنَفْسٍ أَن تُؤْمِنَ إِلَّا بِإِذْنِ ٱللَّهِ ۚ وَيَجْعَلُ ٱلرِّجْسَ
عَلَى ٱلَّذِينَ لَا يَعْقِلُونَ ﴿100﴾ قُلِ ٱنظُرُوا۟ مَاذَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضِ ۚ وَمَا تُغْنِى ٱلْـَٔايَٰتُ وَٱلنُّذُرُ عَن قَوْمٍ لَّا يُؤْمِنُونَ ﴿101﴾
فَهَلْ يَنتَظِرُونَ إِلَّا مِثْلَ أَيَّامِ ٱلَّذِينَ خَلَوْا۟ مِن قَبْلِهِمْ ۚ
قُلْ فَٱنتَظِرُوٓا۟ إِنِّى مَعَكُم مِّنَ ٱلْمُنتَظِرِينَ ﴿102﴾ ثُمَّ نُنَجِّى
رُسُلَنَا وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ۚ كَذَٰلِكَ حَقًّا عَلَيْنَا نُنجِ ٱلْمُؤْمِنِينَ
﴿103﴾ قُلْ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ إِن كُنتُمْ فِى شَكٍّ مِّن دِينِى فَلَآ أَعْبُدُ ٱلَّذِينَ
تَعْبُدُونَ مِن دُونِ ٱللَّهِ وَلَٰكِنْ أَعْبُدُ ٱللَّهَ ٱلَّذِى يَتَوَفَّىٰكُمْ ۖ وَأُمِرْتُ
أَنْ أَكُونَ مِنَ ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿104﴾ وَأَنْ أَقِمْ وَجْهَكَ لِلدِّينِ حَنِيفًا
وَلَا تَكُونَنَّ مِنَ ٱلْمُشْرِكِينَ ﴿105﴾ وَلَا تَدْعُ مِن دُونِ ٱللَّهِ
مَا لَا يَنفَعُكَ وَلَا يَضُرُّكَ ۖ فَإِن فَعَلْتَ فَإِنَّكَ إِذًا مِّنَ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿106﴾

98. Kif ma kienx hemm belt *(mill-ibliet li qridna)* li emmnet, hekk li twemminha kien ikunilha ta' siwi, ħlief *(il-belt ta')* nies Ġona. Meta *(dawn)* emmnu, neħħejna minn fuqhom il-kastig ta' għajb fil-ħajja *(ta' dīn)* id-dinja, u ħallejniehom igawdu għal xi żmien.

99. Li kieku Sidek ried, kulmin jinsab fuq l-art kien jemmen – kollha kemm huma. Jaqaw inti *(Muħammad)* se toqgħod iġġiegħel in-nies jemmnu?

100. Ħadd ma jista' jemmen jekk mhux bir-rieda ta' Alla! Huwa jibgħat il-kastig fuq dawk li ma jifhmux *(għaliex ma jridux)*.

101. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ħarsu lejn dak li jinsab fis-smewwiet u fl-art *(u lejn is-sinjali ta' Alla fihom)*." Iżda s-sinjali u t-twissijiet ma humiex ta' fejda għal nies li ma jemmnux.

102. X'qegħdin jistennew, jekk mhux bħal *(dak li ġara)* fil-jiem ta' dawk li *(għexu u)* għaddew qabilhom? Għid*(ilhom)*: "Mela stennew *(u taraw x'se jiġri)*. Jiena nistenna magħkom!"

103. Imbagħad neħilsu *(mill-kastig)* lill-Mibgħutin tagħna u lil dawk li emmnu. Hekk Aħna għamilnieh dmirna li neħilsu lil dawk li jemmnu.

104. Għid *(Muħammad)*: "Ja nies, jekk intom bejn ħalltejn dwar id-din tiegħi, *(kunu afu li)* jiena ma nqimx dawk *(l-allat)* li tqimu intom minflok lil Alla, iżda nqim lil Alla li jtemmilkom ħajjitkom. Jiena ngħatajt l-amar li nkun minn dawk li jemmnu.

105. *(Alla qalli:)* 'Dawwar wiċċek lejn il-fidi safja, u ara li ma tkunx minn dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla)*.

106. La ssejjaħx minflok Alla lil min la *(jista')* jiswielek, u lanqas *(jista')* ikunlek ta' ħsara. Jekk tagħmel hekk, mela inti tkun tassew mill-ħżiena!'"

وَإِن يَمْسَسْكَ ٱللَّهُ بِضُرٍّ فَلَا كَاشِفَ لَهُۥٓ إِلَّا هُوَ ۖ وَإِن
يُرِدْكَ بِخَيْرٍ فَلَا رَآدَّ لِفَضْلِهِۦ ۚ يُصِيبُ بِهِۦ مَن يَشَآءُ مِنْ عِبَادِهِۦ ۚ
وَهُوَ ٱلْغَفُورُ ٱلرَّحِيمُ ﴿107﴾ قُلْ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ قَدْ جَآءَكُمُ
ٱلْحَقُّ مِن رَّبِّكُمْ ۖ فَمَنِ ٱهْتَدَىٰ فَإِنَّمَا يَهْتَدِى لِنَفْسِهِۦ ۖ وَمَن
ضَلَّ فَإِنَّمَا يَضِلُّ عَلَيْهَا ۖ وَمَآ أَنَا۠ عَلَيْكُم بِوَكِيلٍ ﴿108﴾ وَٱتَّبِعْ
مَا يُوحَىٰٓ إِلَيْكَ وَٱصْبِرْ حَتَّىٰ يَحْكُمَ ٱللَّهُ ۚ وَهُوَ خَيْرُ ٱلْحَٰكِمِينَ ﴿109﴾

سُورَةُ هُودٍ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

ٱلٓرۚ كِتَٰبٌ أُحْكِمَتْ ءَايَٰتُهُۥ ثُمَّ فُصِّلَتْ مِن لَّدُنْ حَكِيمٍ خَبِيرٍ ﴿1﴾
أَلَّا تَعْبُدُوٓاْ إِلَّا ٱللَّهَ ۚ إِنَّنِى لَكُم مِّنْهُ نَذِيرٌ وَبَشِيرٌ ﴿2﴾ وَأَنِ ٱسْتَغْفِرُواْ
رَبَّكُمْ ثُمَّ تُوبُوٓاْ إِلَيْهِ يُمَتِّعْكُم مَّتَٰعًا حَسَنًا إِلَىٰٓ أَجَلٍ مُّسَمًّى وَيُؤْتِ
كُلَّ ذِى فَضْلٍ فَضْلَهُۥ ۖ وَإِن تَوَلَّوْاْ فَإِنِّىٓ أَخَافُ عَلَيْكُمْ عَذَابَ يَوْمٍ
كَبِيرٍ ﴿3﴾ إِلَى ٱللَّهِ مَرْجِعُكُمْ ۖ وَهُوَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿4﴾ أَلَآ إِنَّهُمْ
يَثْنُونَ صُدُورَهُمْ لِيَسْتَخْفُواْ مِنْهُ ۚ أَلَا حِينَ يَسْتَغْشُونَ ثِيَابَهُمْ
يَعْلَمُ مَا يُسِرُّونَ وَمَا يُعْلِنُونَ ۚ إِنَّهُۥ عَلِيمٌۢ بِذَاتِ ٱلصُّدُورِ ﴿5﴾

107. U jekk Alla jmissek b'xi deni, ħadd ħliefu ma jneħħihulek, u jekk ikun iridlek il-ġid, ħadd ma jista' jżomm it-tjieba tiegħu. Huwa jagħtiha lil min irid mill-qaddejja tiegħu. Huwa Kollu Maħfra, il-Ħanin.

108. Għid *(Muħammad)*: "Ja nies, ġiekom is-sewwa *(li huwa l-Qoran)* minn Sidkom. Mela min jimxi fit-triq it-tajba, ma jkunx miexi fiha ħlief għalih innifsu, u min jitlef it-triq, jitlifha *(bi ħsara)* għalih. Jiena ma għandix setgħa fuqkom!"

109. Imxi *(Muħammad)* fuq dak li jitnebbaħ lilek u żomm b'sabrek sa ma Alla jagħmel ħaqq. Huwa l-Aħjar li jagħmel ħaqq.

11. *Sūratu Hūd*

(Suret Hūd – Niżlet f'Mekka b'123 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *'Alif. Lām. Rā'. (Dan huwa)* Ktieb bil-versi tiegħu mibnija sewwa *(u mseddqa)*, imbagħad tfissru bir-reqqa – *(u nežlin)* mingħand Għaref u jaf sewwa *(b'kollox u b'kulħadd)*.

2. *(Ktieb li jwissi biex)* ma tqimux ħlief lil Alla. *(Muħammad għidilhom)*: "Jiena *(Mibgħut)* għal għandkom, minnu, biex inwissi u nagħti l-bxara t-tajba.

3. U itolbu maħfra mingħand Sidkom, imbagħad duru lejh *(sogħbiena)* u jagħtikom tgawdija tajba sa żmien imsemmi, u jagħti t-tjieba tiegħu lil min juri tjubija. Iżda jekk tagħtu daharkom *(u ma tisimgħux)*, jiena nibża' li jkollkom il-kastig ta' Jum kbir *(li fih iseħħu ħwejjeġ tal-biża')*.

4. Lejn Alla għad terġgħu lura, u Huwa fuq kollox Setgħan."

5. Ara *(ta' wiċċ b'ieħor)* kif jitnu *(u jgeżwru)* qlubhom *(biex mingħalihom jaħbu minn Alla l-ħażen li hemm fihom u)* biex jinħbew minnu. *(Kollu għalxejn!)* Anki meta jitgeżwru fi ħwejjiġhom, *(Alla l-Imbierek)* jaf b'dak li jaħbu u b'dak li jikxfu? Huwa jaf b'kulma hemm fil-qlub.

الجزء 12
الحزب 23

۞ وَمَا مِن دَآبَّةٍ فِي ٱلْأَرْضِ إِلَّا عَلَى ٱللَّهِ رِزْقُهَا وَيَعْلَمُ مُسْتَقَرَّهَا
وَمُسْتَوْدَعَهَا ۚ كُلٌّ فِي كِتَٰبٍ مُّبِينٍ ﴿6﴾ وَهُوَ ٱلَّذِي خَلَقَ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ فِي سِتَّةِ أَيَّامٍ وَكَانَ عَرْشُهُۥ
عَلَى ٱلْمَآءِ لِيَبْلُوَكُمْ أَيُّكُمْ أَحْسَنُ عَمَلًا ۗ وَلَئِن قُلْتَ
إِنَّكُم مَّبْعُوثُونَ مِنۢ بَعْدِ ٱلْمَوْتِ لَيَقُولَنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟
إِنْ هَٰذَآ إِلَّا سِحْرٌ مُّبِينٌ ﴿7﴾ وَلَئِنْ أَخَّرْنَا عَنْهُمُ ٱلْعَذَابَ إِلَىٰٓ
أُمَّةٍ مَّعْدُودَةٍ لَّيَقُولُنَّ مَا يَحْبِسُهُۥٓ ۗ أَلَا يَوْمَ يَأْتِيهِمْ لَيْسَ
مَصْرُوفًا عَنْهُمْ وَحَاقَ بِهِم مَّا كَانُوا۟ بِهِۦ يَسْتَهْزِءُونَ ﴿8﴾
وَلَئِنْ أَذَقْنَا ٱلْإِنسَٰنَ مِنَّا رَحْمَةً ثُمَّ نَزَعْنَٰهَا مِنْهُ إِنَّهُۥ
لَيَـُٔوسٌ كَفُورٌ ﴿9﴾ وَلَئِنْ أَذَقْنَٰهُ نَعْمَآءَ بَعْدَ ضَرَّآءَ
مَسَّتْهُ لَيَقُولَنَّ ذَهَبَ ٱلسَّيِّـَٔاتُ عَنِّىٓ ۚ إِنَّهُۥ لَفَرِحٌ فَخُورٌ ﴿10﴾
إِلَّا ٱلَّذِينَ صَبَرُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ أُو۟لَٰٓئِكَ لَهُم مَّغْفِرَةٌ
وَأَجْرٌ كَبِيرٌ ﴿11﴾ فَلَعَلَّكَ تَارِكٌۢ بَعْضَ مَا يُوحَىٰٓ إِلَيْكَ
وَضَآئِقٌۢ بِهِۦ صَدْرُكَ أَن يَقُولُوا۟ لَوْلَآ أُنزِلَ عَلَيْهِ كَنزٌ أَوْ جَآءَ
مَعَهُۥ مَلَكٌ ۚ إِنَّمَآ أَنتَ نَذِيرٌ ۚ وَٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ وَكِيلٌ ﴿12﴾

6. Ma hemm ebda ħliqa li titħarrek fuq l-art li l-għajxien tagħha ma huwiex minn Alla, u *(mhux biss, talli)* jaf fejn toqgħod u fejn tistrieħ. Kollox *(jinsab)* fi Ktieb *(mill-aktar)* ċar.
7. Huwa li ħalaq is-smewwiet u l-art f'sitt ijiem, u t-Tron tiegħu kien fuq l-ilma – biex iġarrabkom *(u jara)* min minnkom huwa l-aħjar fl-għemil *(u fl-imġiba)*. Iżda *(Muħammad)* jekk tgħid *(lill-pagani ta' Mekka)*: "Intom tabilħaqq għad tqumu wara l-mewt," dawk li ma jemmnux tassew jgħidu "Dan huwa biss seħer fid-dieher!"
8. U jekk indumu ma niġuhom bil-kastig, għal xi żmien magħdud, tabilħaqq jgħidu *(bi tkasbir)*: "X'qiegħed iżommu?" Fil-Jum li jiġihom *(il-kastig)*, ma hemm xejn li jbiegħdu minnhom, u dak *(il-kastig)* li kienu jżebilħu għad idawwarhom minn kullimkien.
9. U jekk indewqu lill-bniedem xi ħniena mingħandna, imbagħad inwarrbuha minnu, huwa tabilħaqq ikun qata' jiesu *(għal kollox)* u ma jkunx jafhulna.
10. Iżda jekk indewquh xi ħena, wara li jkun messu xi deni, huwa tabilħaqq jgħid: "Il-ħsara ħallietni," *(iżda mbagħad arah)* ferħan *(iżżejjed, u malajr joqgħod)* jiftaħar *(u jitkabbar)*.
11. *(Kulħadd jagħmel hekk)* ħlief dawk li jistabru u jagħmlu għemejjel tajba. Dawk għandhom maħfra u ħlas kbir.
12. Inti *(Muħammad)* sejjer tħalli barra xi ħaġa minn dak li jitnebbaħlek, u dan qiegħed iġib diqa f'qalbek għaliex *(il-pagani)* jgħidu: "Għaliex ma tniżżillux xi teżor, jew ġie xi anġlu miegħu?" Iżda inti qiegħed biss biex twissi *(lill-ħżiena dwar il-kastig li ġej fuqhom)*. Alla jieħu ħsieb kollox.

أَمْ يَقُولُونَ افْتَرَىٰهُ ۖ قُلْ فَأْتُوا بِعَشْرِ سُوَرٍ مِّثْلِهِ مُفْتَرَيَاتٍ
وَادْعُوا مَنِ اسْتَطَعْتُم مِّن دُونِ اللَّهِ إِن كُنتُمْ صَادِقِينَ ﴿13﴾
فَإِلَّمْ يَسْتَجِيبُوا لَكُمْ فَاعْلَمُوا أَنَّمَا أُنزِلَ بِعِلْمِ اللَّهِ وَأَن لَّا إِلَٰهَ
إِلَّا هُوَ ۖ فَهَلْ أَنتُم مُّسْلِمُونَ ﴿14﴾ مَن كَانَ يُرِيدُ الْحَيَاةَ
الدُّنْيَا وَزِينَتَهَا نُوَفِّ إِلَيْهِمْ أَعْمَالَهُمْ فِيهَا وَهُمْ فِيهَا لَا يُبْخَسُونَ
﴿15﴾ أُولَٰئِكَ الَّذِينَ لَيْسَ لَهُمْ فِي الْآخِرَةِ إِلَّا النَّارُ ۖ وَحَبِطَ
مَا صَنَعُوا فِيهَا وَبَاطِلٌ مَّا كَانُوا يَعْمَلُونَ ﴿16﴾ أَفَمَن كَانَ
عَلَىٰ بَيِّنَةٍ مِّن رَّبِّهِ وَيَتْلُوهُ شَاهِدٌ مِّنْهُ وَمِن قَبْلِهِ كِتَابُ
مُوسَىٰ إِمَامًا وَرَحْمَةً ۚ أُولَٰئِكَ يُؤْمِنُونَ بِهِ ۚ وَمَن يَكْفُرْ بِهِ
مِنَ الْأَحْزَابِ فَالنَّارُ مَوْعِدُهُ ۚ فَلَا تَكُ فِي مِرْيَةٍ مِّنْهُ ۚ إِنَّهُ الْحَقُّ
مِن رَّبِّكَ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ النَّاسِ لَا يُؤْمِنُونَ ﴿17﴾ وَمَنْ
أَظْلَمُ مِمَّنِ افْتَرَىٰ عَلَى اللَّهِ كَذِبًا ۚ أُولَٰئِكَ يُعْرَضُونَ
عَلَىٰ رَبِّهِمْ وَيَقُولُ الْأَشْهَادُ هَٰؤُلَاءِ الَّذِينَ كَذَبُوا عَلَىٰ
رَبِّهِمْ ۚ أَلَا لَعْنَةُ اللَّهِ عَلَى الظَّالِمِينَ ﴿18﴾ الَّذِينَ يَصُدُّونَ
عَن سَبِيلِ اللَّهِ وَيَبْغُونَهَا عِوَجًا وَهُم بِالْآخِرَةِ هُمْ كَافِرُونَ ﴿19﴾

13. Jew jgħidu: "*(Dan il-Qoran)* qalgħu minn żniedu." Għid*(ilhom)*: "Mela ġibu għaxar suriet bħalhom, maqlugħa minn żniedkom, u sejħu lil min tistgħu *(biex jgħinkom f'dan)*, barra lil Alla, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa!"

14. U jekk *(l-allat foloz u lil kulmin issejħu biex jgħinkom)* ma jweġbukomx, mela kunu afu li *(dan il-Ktieb)* tniżżel biss bl-għerf ta' Alla, u li ma hemmx alla ħliefu. Mela *(issa li tafu dan kollu)* se tkunu Misilmin?

15. Min irid il-ħajja *(f'din)* id-dinja, u ż-żîna *(fiergħa)* tagħha, *(arana)* inħallsuhom ta' l-għemejjel tagħhom fiha *(stess)*, u lilhom, fiha, ma jitnaqqsilhom *(xejn)*.

16. Dawk huma li fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)* ma għandhomx għajr in-Nar, u jisfa fix-xejn dak *(l-għemil it-tajjeb)* li ħadmu fiha *(din id-dinja)*, u fieragħ dak *(il-ġid)* li kienu jagħmlu *(għaliex ma ridux jemmnu f'Alla u f'Jum il-Qawmien)*.

17. Jaqaw dak li għandu sinjal ċar *(il-Qoran)* minn Sidu, imxandar minn *(Gabrijel, l-anġlu li huwa)* xhud *(ġej)* minnu *(mingħand Alla)* – u qablu *(il-Qoran, kien hemm it-Torā)* Ktieb Mosè *(li jixhed ukoll li Muħammad huwa Profeta, u li l-Qoran ġej mingħand Alla u)* huwa tmexxija *(tajba)* u ħniena *(minn Alla – jaqaw dan il-bniedem huwa bħal dak li ma jemminx)*? Dawk *(li għandhom id-dawl ta' Alla)* huma li jemmnu fih *(il-Qoran)*. Iżda min, minn fost il-ġemgħat, ma jemminx fih, in-Nar ikun l-imkien imwiegħed għalih. Mela la tkunx *(Muħammad)* bejn ħalltejn dwaru *(dan il-Qoran)*. Huwa tabilħaqq is-sewwa minn Sidek, iżda l-kotra tan-nies ma jemmnux *(li l-Qoran imniżżel mingħand Alla)*.

18. Min hu eħżen minn dak li jaqla' l-gideb dwar Alla? Dawk għad jinġiebu quddiem Sidhom, u x-xhieda *(fost l-anġli u l-ħlejjaq)* għad jgħidu: "Dawn huma li gidbu kontra Sidhom." Ara, is-saħta ta' Alla fuq il-ħżiena.

19. *(Huma dawk)* li jżommu *(lill-bnedmin)* mit-triq ta' Alla, u jixtiquha mgħawġa. Huma ma jemmnux fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)*.

أُولَٰئِكَ لَمْ يَكُونُوا۟ مُعْجِزِينَ فِى ٱلْأَرْضِ وَمَا كَانَ لَهُم مِّن
دُونِ ٱللَّهِ مِنْ أَوْلِيَآءَ ۘ يُضَٰعَفُ لَهُمُ ٱلْعَذَابُ ۚ مَا كَانُوا۟ يَسْتَطِيعُونَ
ٱلسَّمْعَ وَمَا كَانُوا۟ يُبْصِرُونَ ﴿20﴾ أُولَٰئِكَ ٱلَّذِينَ خَسِرُوٓا۟
أَنفُسَهُمْ وَضَلَّ عَنْهُم مَّا كَانُوا۟ يَفْتَرُونَ ﴿21﴾ لَا جَرَمَ أَنَّهُمْ
فِى ٱلْءَاخِرَةِ هُمُ ٱلْأَخْسَرُونَ ﴿22﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟
ٱلصَّٰلِحَٰتِ وَأَخْبَتُوٓا۟ إِلَىٰ رَبِّهِمْ أُولَٰئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلْجَنَّةِ ۖ
هُمْ فِيهَا خَٰلِدُونَ ﴿23﴾ ۞ مَثَلُ ٱلْفَرِيقَيْنِ كَٱلْأَعْمَىٰ
وَٱلْأَصَمِّ وَٱلْبَصِيرِ وَٱلسَّمِيعِ ۚ هَلْ يَسْتَوِيَانِ مَثَلًا ۚ أَفَلَا تَذَكَّرُونَ
﴿24﴾ وَلَقَدْ أَرْسَلْنَا نُوحًا إِلَىٰ قَوْمِهِۦٓ إِنِّى لَكُمْ نَذِيرٌ مُّبِينٌ ﴿25﴾
أَن لَّا تَعْبُدُوٓا۟ إِلَّا ٱللَّهَ ۖ إِنِّىٓ أَخَافُ عَلَيْكُمْ عَذَابَ يَوْمٍ أَلِيمٍ
﴿26﴾ فَقَالَ ٱلْمَلَأُ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ مِن قَوْمِهِۦ مَا نَرَىٰكَ إِلَّا بَشَرًا
مِّثْلَنَا وَمَا نَرَىٰكَ ٱتَّبَعَكَ إِلَّا ٱلَّذِينَ هُمْ أَرَاذِلُنَا بَادِىَ
ٱلرَّأْىِ ۖ وَمَا نَرَىٰ لَكُمْ عَلَيْنَا مِن فَضْلٍ بَلْ نَظُنُّكُمْ كَٰذِبِينَ
﴿27﴾ قَالَ يَٰقَوْمِ أَرَءَيْتُمْ إِن كُنتُ عَلَىٰ بَيِّنَةٍ مِّن رَّبِّى وَءَاتَىٰنِى رَحْمَةً
مِّنْ عِندِهِۦ فَعُمِّيَتْ عَلَيْكُمْ ۚ أَنُلْزِمُكُمُوهَا وَأَنتُمْ لَهَا كَٰرِهُونَ ﴿28﴾

ربع الحزب 23

20. Dawk huma li ma jaħarbux *(minn Alla)* fuq l-art, u lanqas ma għandhom min iħarishom *(jew jeħlishom mill-kastig ta' Alla)*, minbarra Alla. Il-kastig *(tagħhom)* ikunilhom doppju. *(Dan minħabba li, għalkemm kellhom is-smigħ u d-dawl)* huma ma kinux jistgħu jisimgħu, u ma kinux jaraw.
21. Dawk huma li tilfu lilhom infushom, u li telaqhom dak li kienu jaqilgħu minn żniedhom.
22. Bla dubju li fil-*(Ħajja)* l-Oħra huma l-akbar tellifin.
23. Tabilħaqq li dawk li jemmnu, jagħmlu għemejjel tajba u jiċċekknu quddiem Sidhom, dawk huma nies il-Ġenna, u fiha jgħammru għal dejjem.
24. *(Dawn)* iż-żewġ ġemgħat *(ta' bnedmin, dawk li jemmnu u dawk li jiċħdu t-twemmin)* huma bħall-agħma u t-trux, u *(bħal)* dak li jara u jisma'. Jaqaw dawn huma ndaqs meta jitqabblu? Jaqaw m'intomx se tiftakru *(f'dan ix-xebh)*?
25. Aħna bgħatna lil Noè għand niesu *(il-pagani u qalilhom)*: "Jiena tabilħaqq inwissikom biċ-ċar.
26. La tqimux għajr lil Alla. Tabilħaqq li jiena nibża' li *(jekk se tibqgħu tqimu l-idoli)* se jkollkom il-kastig ta' Jum ta' wġigħ."
27. Iżda l-kbarat ta' niesu, li m'emmnux, qalu: "Aħna ma narawkx ħlief bniedem bħalna, u ma narawx li qegħdin jimxu warajk ħlief l-aktar *(nies)* baxxi fostna, mingħajr ma jaħsbu sewwa. Lanqas ma naraw li intom aħjar minna, anzi nqisukom giddibin."
28. *(Noè)* qal: "Ja niesi, x'taħsbu? Jekk jiena għandi prova ċara minn Sidi, u tani ħniena mingħandu *(li hija l-profezija)*, iżda nżammet moħbija minnkom *(għaliex ma tridux tafu b'Alla, x'naqbdu nagħmlu)*, inġagħlukom tilqgħuha, meta intom tistkerrhuha?

وَيَٰقَوْمِ لَآ أَسْـَٔلُكُمْ عَلَيْهِ مَالًا ۖ إِنْ أَجْرِيَ إِلَّا عَلَى ٱللَّهِ وَمَآ
أَنَا۠ بِطَارِدِ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ ۚ إِنَّهُم مُّلَٰقُوا۟ رَبِّهِمْ وَلَٰكِنِّىٓ أَرَىٰكُمْ
قَوْمًا تَجْهَلُونَ ﴿29﴾ وَيَٰقَوْمِ مَن يَنصُرُنِى مِنَ ٱللَّهِ إِن طَرَدتُّهُمْ ۚ
أَفَلَا تَذَكَّرُونَ ﴿30﴾ وَلَآ أَقُولُ لَكُمْ عِندِى خَزَآئِنُ ٱللَّهِ وَلَآ
أَعْلَمُ ٱلْغَيْبَ وَلَآ أَقُولُ إِنِّى مَلَكٌ وَلَآ أَقُولُ لِلَّذِينَ تَزْدَرِىٓ
أَعْيُنُكُمْ لَن يُؤْتِيَهُمُ ٱللَّهُ خَيْرًا ۖ ٱللَّهُ أَعْلَمُ بِمَا فِىٓ أَنفُسِهِمْ ۖ إِنِّىٓ إِذًا
لَّمِنَ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿31﴾ قَالُوا۟ يَٰنُوحُ قَدْ جَٰدَلْتَنَا فَأَكْثَرْتَ
جِدَٰلَنَا فَأْتِنَا بِمَا تَعِدُنَآ إِن كُنتَ مِنَ ٱلصَّٰدِقِينَ ﴿32﴾ قَالَ
إِنَّمَا يَأْتِيكُم بِهِ ٱللَّهُ إِن شَآءَ وَمَآ أَنتُم بِمُعْجِزِينَ ﴿33﴾ وَلَا يَنفَعُكُمْ
نُصْحِىٓ إِنْ أَرَدتُّ أَنْ أَنصَحَ لَكُمْ إِن كَانَ ٱللَّهُ يُرِيدُ أَن يُغْوِيَكُمْ ۚ
هُوَ رَبُّكُمْ وَإِلَيْهِ تُرْجَعُونَ ﴿34﴾ أَمْ يَقُولُونَ ٱفْتَرَىٰهُ ۖ
قُلْ إِنِ ٱفْتَرَيْتُهُۥ فَعَلَىَّ إِجْرَامِى وَأَنَا۠ بَرِىٓءٌ مِّمَّا تُجْرِمُونَ ﴿35﴾
وَأُوحِىَ إِلَىٰ نُوحٍ أَنَّهُۥ لَن يُؤْمِنَ مِن قَوْمِكَ إِلَّا مَن قَدْ ءَامَنَ
فَلَا تَبْتَئِسْ بِمَا كَانُوا۟ يَفْعَلُونَ ﴿36﴾ وَٱصْنَعِ ٱلْفُلْكَ بِأَعْيُنِنَا
وَوَحْيِنَا وَلَا تُخَٰطِبْنِى فِى ٱلَّذِينَ ظَلَمُوٓا۟ ۚ إِنَّهُم مُّغْرَقُونَ ﴿37﴾

29. Ja niesi, lanqas ma qiegħed nitlobkom ebda ġid ta' din *(il-ħidma tiegħi fostkom, għaliex)* ħlasi huwa biss mingħand Alla. Jiena ma nkeċċix lil dawk *(id-dgħajfa)* li jemmnu. Dawn tabilħaqq għad jiltaqgħu ma' Sidhom, iżda jiena qiegħed narakom nies injuranti.
30. Ja niesi, min se jħarisni minn Alla jekk inkeċċihom. Jaqaw ma tiftakrux *(f'din it-twissija)*?
31. Ma ngħidilkomx li għandi l-ħażniet *(tat-teżori)* ta' Alla, u ma nafx il-ħwejjeġ mistura; lanqas ma ngħidilkom li jiena anġlu *(biex inħajjarkom tagħtuni widen)*, u lanqas ma ngħid lil dawk *(id-dgħajfa)* li huma mkasbra f'għajnejkom li Alla ma huwa se jagħtihom ebda ġid. Alla jaf l-aktar dwar dak li hemm fi qlubhom. U *(kieku ngħid hekk)* inkun tabilħaqq mill-ħżiena!"
32. Huma qalu: "Noè, inti ħaqqaqtha magħna, u ħaqqaqtha magħna fit-tul. *(Mela issa)* ġibilna dak *(il-kastig)* li wegħedtna u *(li qiegħed theddidna bih)*, jekk tabilħaqq qiegħed tgħid is-sewwa!"
33. Qal*(ilhom)*: "Alla biss iġibu fuqkom, jekk irid, u m'intomx se taħarbu *(minnu)*.
34. Xejn ma jiswielkom il-parir tiegħi, minkejja li rrid nagħtihulkom, jekk Alla jrid itellifkom it-triq. Huwa Sidkom u lejh titreġġgħu lura."
35. Jaqaw *(Muħammad, il-pagani f'Mekka)* qegħdin jgħidu: "Qalgħu minn żniedu *(dan il-Qoran)*"? Għid*(ilhom)*: "Jekk qlajtu minn żniedi, mela fuqi hija l-ħtija tiegħi, iżda jiena ħieles mill-ħażen li tagħmlu."
36. U Noè tnebbaħ *(dan li ġej)*: "Ħadd minn niesek ma huwa se jemmen ħlief dawk li kienu diġà emmnu. Mela la titnikkitx minħabba dak *(il-ħażen)* li kienu jagħmlu.
37. Ibni l-arka taħt għajnejna, u kif innebbħuk, u *(lili)* la tkellimnix fuq dawk li dinbu *(u taqbeż għalihom biex neħlishom mill-kastig ta' l-għargħar)*. Huma tabilħaqq *(se jkunu)* mgħarrqin."

وَيَصْنَعُ ٱلْفُلْكَ وَكُلَّمَا مَرَّ عَلَيْهِ مَلَأٌ مِّن قَوْمِهِۦ سَخِرُوا۟
مِنْهُ ۚ قَالَ إِن تَسْخَرُوا۟ مِنَّا فَإِنَّا نَسْخَرُ مِنكُمْ كَمَا تَسْخَرُونَ ﴿38﴾
فَسَوْفَ تَعْلَمُونَ مَن يَأْتِيهِ عَذَابٌ يُخْزِيهِ وَيَحِلُّ عَلَيْهِ عَذَابٌ
مُّقِيمٌ ﴿39﴾ حَتَّىٰٓ إِذَا جَآءَ أَمْرُنَا وَفَارَ ٱلتَّنُّورُ قُلْنَا ٱحْمِلْ فِيهَا
مِن كُلٍّ زَوْجَيْنِ ٱثْنَيْنِ وَأَهْلَكَ إِلَّا مَن سَبَقَ عَلَيْهِ ٱلْقَوْلُ
وَمَنْ ءَامَنَ ۚ وَمَآ ءَامَنَ مَعَهُۥٓ إِلَّا قَلِيلٌ ﴿40﴾ ۞ وَقَالَ ٱرْكَبُوا۟
فِيهَا بِسْمِ ٱللَّهِ مَجْرٖىٰهَا وَمُرْسَىٰهَآ ۚ إِنَّ رَبِّى لَغَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿41﴾ وَهِىَ
تَجْرِى بِهِمْ فِى مَوْجٍ كَٱلْجِبَالِ وَنَادَىٰ نُوحٌ ٱبْنَهُۥ وَكَانَ
فِى مَعْزِلٍ يَٰبُنَىَّ ٱرْكَب مَّعَنَا وَلَا تَكُن مَّعَ ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿42﴾
قَالَ سَـَٔاوِىٓ إِلَىٰ جَبَلٍ يَعْصِمُنِى مِنَ ٱلْمَآءِ ۚ قَالَ لَا عَاصِمَ
ٱلْيَوْمَ مِنْ أَمْرِ ٱللَّهِ إِلَّا مَن رَّحِمَ ۚ وَحَالَ بَيْنَهُمَا ٱلْمَوْجُ فَكَانَ
مِنَ ٱلْمُغْرَقِينَ ﴿43﴾ وَقِيلَ يَٰٓأَرْضُ ٱبْلَعِى مَآءَكِ وَيَٰسَمَآءُ
أَقْلِعِى وَغِيضَ ٱلْمَآءُ وَقُضِىَ ٱلْأَمْرُ وَٱسْتَوَتْ عَلَى ٱلْجُودِىِّ ۖ وَقِيلَ
بُعْدًا لِّلْقَوْمِ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿44﴾ وَنَادَىٰ نُوحٌ رَّبَّهُۥ فَقَالَ رَبِّ إِنَّ
ٱبْنِى مِنْ أَهْلِى وَإِنَّ وَعْدَكَ ٱلْحَقُّ وَأَنتَ أَحْكَمُ ٱلْحَٰكِمِينَ ﴿45﴾

نصف الحزب 23

38. Huwa *(ma damx ma beda)* jaħdem l-arka, u kull darba li l-kbarat ta' niesu għaddew minn ħdejh, iddieħku bih. Huwa qal*(ilhom)*: "Jekk *(issa)* tiddieħku bina, aħna tabilħaqq niddieħku bikom bħalma tiddieħku intom.
39. U se tkunu tafu min se jiġih il-kastig *(ta' l-għarqa)* li jġiblu għajb, u jasal fuqu kastig li ma jgħaddix *(għaliex in-nar ta' l-Infern huwa għal dejjem)*."
40. *(Hekk ġara)* sa ma ġie l-amar tagħna, far il-forn *(u l-għejun ta' l-art)*, u għedna *(lil Noè)*: "Għabbi fiha *(l-arka)* żewġ minn kull *(ġens ta' ħlejjaq, raġel u mara)*, u lil niesek, ħlief dak li kontrih laħqet ħarġet il-kelma *(ta' kundanna)*, u *(daħħal miegħek ukoll lil kull)* min jemmen." Iżda m'emmnux, miegħu, ħlief ftit.
41. U qal: "Irkbu fiha *(intom li temmnu)*! F'Isem Alla t-tbaħħir u l-irbit tagħha *(meta jieqaf l-għargħar)*! Sidi tabilħaqq huwa Kollu Maħfra u Ħanin."
42. U hija ġriet bihom fil-mewġ *(li l-ħalel tiegħu kienu)* bħall-iġbla, u Noè *(ftit qabel ma telqet l-arka)* sejjaħ lil ibnu, li kien warrab għalih waħdu, *(u qallu)*: "Ibni, irkeb magħna, u la tkunx ma' dawk li ma jemmnux!"
43. Huwa qal: "Se nistkenn f'muntanja li tħarisni mill-ilma." Qal*(lu)* Noè: "Illum ma hemm ebda ħarsien mill-amar ta' Alla, ħlief għal min Huwa ħenn." U l-mewġ firidhom it-tnejn, u *(iben Noè)* kien fost l-imgħarrqin.
44. U *(imbagħad)* intqal: "Ja art, ibla' l-ilma tiegħek *(u inxef)*! Ja sema, waqqaf *(ix-xita tiegħek)*!" U l-ilma nifed *(ġewwa l-art)*, u l-amar *(ta' Alla)* kien mitmum. *(L-arka)* waqfet fuq *(il-muntanja msejħa)* 'al-Ġūdī u ntqal: "'Il bogħod *(minni, mishutin u meqrudin)* in-nies il-ħżiena!"
45. U sejjaħ Noè lil Sidu u qal: "Sidi, ibni huwa tabilħaqq minn niesi, u tabilħaqq li l-wegħda tiegħek hija s-sewwa, u Inti l-Aktar Ġust fost l-imħallfin."

قَالَ يَٰنُوحُ إِنَّهُۥ لَيْسَ مِنْ أَهْلِكَ ۖ إِنَّهُۥ عَمَلٌ غَيْرُ صَٰلِحٍ ۖ فَلَا تَسْـَٔلْنِ
مَا لَيْسَ لَكَ بِهِۦ عِلْمٌ ۖ إِنِّىٓ أَعِظُكَ أَن تَكُونَ مِنَ ٱلْجَٰهِلِينَ ﴿46﴾
قَالَ رَبِّ إِنِّىٓ أَعُوذُ بِكَ أَنْ أَسْـَٔلَكَ مَا لَيْسَ لِى بِهِۦ عِلْمٌ ۖ وَإِلَّا
تَغْفِرْ لِى وَتَرْحَمْنِىٓ أَكُن مِّنَ ٱلْخَٰسِرِينَ ﴿47﴾ قِيلَ يَٰنُوحُ
ٱهْبِطْ بِسَلَٰمٍ مِّنَّا وَبَرَكَٰتٍ عَلَيْكَ وَعَلَىٰٓ أُمَمٍ مِّمَّن مَّعَكَ ۚ
وَأُمَمٌ سَنُمَتِّعُهُمْ ثُمَّ يَمَسُّهُم مِّنَّا عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿48﴾ تِلْكَ
مِنْ أَنۢبَآءِ ٱلْغَيْبِ نُوحِيهَآ إِلَيْكَ ۖ مَا كُنتَ تَعْلَمُهَآ أَنتَ وَلَا قَوْمُكَ
مِن قَبْلِ هَٰذَا ۖ فَٱصْبِرْ ۖ إِنَّ ٱلْعَٰقِبَةَ لِلْمُتَّقِينَ ﴿49﴾ وَإِلَىٰ عَادٍ
أَخَاهُمْ هُودًا ۚ قَالَ يَٰقَوْمِ ٱعْبُدُوا۟ ٱللَّهَ مَا لَكُم مِّنْ إِلَٰهٍ
غَيْرُهُۥ ۖ إِنْ أَنتُمْ إِلَّا مُفْتَرُونَ ﴿50﴾ يَٰقَوْمِ لَآ أَسْـَٔلُكُمْ عَلَيْهِ
أَجْرًا ۖ إِنْ أَجْرِىَ إِلَّا عَلَى ٱلَّذِى فَطَرَنِىٓ ۚ أَفَلَا تَعْقِلُونَ ﴿51﴾
وَيَٰقَوْمِ ٱسْتَغْفِرُوا۟ رَبَّكُمْ ثُمَّ تُوبُوٓا۟ إِلَيْهِ يُرْسِلِ ٱلسَّمَآءَ
عَلَيْكُم مِّدْرَارًا وَيَزِدْكُمْ قُوَّةً إِلَىٰ قُوَّتِكُمْ وَلَا تَتَوَلَّوْا
مُجْرِمِينَ ﴿52﴾ قَالُوا۟ يَٰهُودُ مَا جِئْتَنَا بِبَيِّنَةٍ وَمَا نَحْنُ
بِتَارِكِىٓ ءَالِهَتِنَا عَن قَوْلِكَ وَمَا نَحْنُ لَكَ بِمُؤْمِنِينَ ﴿53﴾

46. Qal *(Alla)*: "Ja Noè, huwa ma huwiex minn niesek; huwa *(kien bniedem ta')* għemil mhux tajjeb, u għalhekk la titlobnix dak li dwaru ma għandekx għarfien. Qiegħed inwissik biex ma tkunx mill-injuranti!"

47. Qal *(Noè)*: "Sidi, jiena nistkenn fik, li ma mmurx nitolbok dak li dwaru ma għandix għarfien. U jekk ma taħfirlix u ma tħennx għalija, inkun mit-tellifin."

48. U ntqal: "Ja Noè, inżel *(mill-arka)* bis-sliem mingħandna, u barkiet ikunu fuqek u fuq ġnus *(li għad joħorġu)* minn dawk li jinsabu miegħek. Iżda hemm ġnus *(ħżiena)* li se nħalluhom igawdu *(għal xi żmien)*, imbagħad imisshom kastig ta' wġigħ mingħandna *(fl-Infern)*."

49. Dawk huma xi ftit mill-ġrajjiet mistura li Aħna nnebbħulek *(Muħammad, u ngħallmuk)*, għaliex la inti ma kont tafhom, u lanqas niesek, qabel *(ma tiżżel)* dan *(il-Qoran)*. Mela stabar *(u oqgħod għall-amar ta' Alla lilek: li xxandar l-Islam)*. Tabilħaqq li *(l-aħjar)* tmiem huwa ta' dawk li jibżgħu minn Alla.

50. U għand *(il-ġens ta')* Għād *(bgħatna)* lil ħuhom Hūd. Huwa qal: "Ja niesi, qimu lil Alla! Ma għandkomx alla *(ieħor)* għajru. Intom qegħdin taqilgħu biss minn żniedkom!

51. Ja niesi, ma qiegħed nitlobkom ebda ħlas ta' din *(il-ħidma tiegħi fostkom, għaliex)* ħlasi ma huwiex għajr mingħand dak li ħalaqni. Jaqaw ma tifhmux?

52. Ja niesi, itolbu l-maħfra ta' Sidkom, imbagħad duru lejh *(bl-indiema)*. Huwa jibgħat is-sema fuqkom b'xita qawwija, u jżid qawwitkom b'*(aktar)* qawwa. U la tagħtux daharkom *(lil din it-twissija)*, u tkunu ħatjin."

53. Huma qalu: "Ja Hūd, inti ma ġejtna b'ebda sinjal ċar *(li juri li inti tassew Profeta ta' Alla, u għalhekk)* m'aħniex se nitilqu l-allat tagħna minħabba l-kelma tiegħek, u lanqas ma nemmnuk.

إِن نَّقُولُ إِلَّا اعْتَرَاكَ بَعْضُ آلِهَتِنَا بِسُوءٍ ۗ قَالَ إِنِّي أُشْهِدُ اللَّهَ
وَاشْهَدُوا أَنِّي بَرِيءٌ مِّمَّا تُشْرِكُونَ ﴿54﴾ مِن دُونِهِ ۖ فَكِيدُونِي
جَمِيعًا ثُمَّ لَا تُنظِرُونِ ﴿55﴾ إِنِّي تَوَكَّلْتُ عَلَى اللَّهِ رَبِّي وَرَبِّكُم ۚ مَّا
مِن دَابَّةٍ إِلَّا هُوَ آخِذٌ بِنَاصِيَتِهَا ۚ إِنَّ رَبِّي عَلَىٰ صِرَاطٍ مُّسْتَقِيمٍ
﴿56﴾ فَإِن تَوَلَّوْا فَقَدْ أَبْلَغْتُكُم مَّا أُرْسِلْتُ بِهِ إِلَيْكُمْ ۚ وَيَسْتَخْلِفُ
رَبِّي قَوْمًا غَيْرَكُمْ وَلَا تَضُرُّونَهُ شَيْئًا ۚ إِنَّ رَبِّي عَلَىٰ كُلِّ شَيْءٍ حَفِيظٌ
﴿57﴾ وَلَمَّا جَاءَ أَمْرُنَا نَجَّيْنَا هُودًا وَالَّذِينَ آمَنُوا مَعَهُ بِرَحْمَةٍ
مِّنَّا وَنَجَّيْنَاهُم مِّنْ عَذَابٍ غَلِيظٍ ﴿58﴾ وَتِلْكَ عَادٌ ۖ جَحَدُوا بِآيَاتِ
رَبِّهِمْ وَعَصَوْا رُسُلَهُ وَاتَّبَعُوا أَمْرَ كُلِّ جَبَّارٍ عَنِيدٍ ﴿59﴾ وَأُتْبِعُوا
فِي هَٰذِهِ الدُّنْيَا لَعْنَةً وَيَوْمَ الْقِيَامَةِ ۗ أَلَا إِنَّ عَادًا كَفَرُوا رَبَّهُمْ ۗ أَلَا
بُعْدًا لِّعَادٍ قَوْمِ هُودٍ ﴿60﴾ ۞ وَإِلَىٰ ثَمُودَ أَخَاهُمْ صَالِحًا ۚ قَالَ
يَا قَوْمِ اعْبُدُوا اللَّهَ مَا لَكُم مِّنْ إِلَٰهٍ غَيْرُهُ ۖ هُوَ أَنشَأَكُم مِّنَ الْأَرْضِ
وَاسْتَعْمَرَكُمْ فِيهَا فَاسْتَغْفِرُوهُ ثُمَّ تُوبُوا إِلَيْهِ ۚ إِنَّ رَبِّي قَرِيبٌ مُّجِيبٌ
﴿61﴾ قَالُوا يَا صَالِحُ قَدْ كُنتَ فِينَا مَرْجُوًّا قَبْلَ هَٰذَا ۖ أَتَنْهَانَا أَن
نَّعْبُدَ مَا يَعْبُدُ آبَاؤُنَا وَإِنَّنَا لَفِي شَكٍّ مِّمَّا تَدْعُونَا إِلَيْهِ مُرِيبٍ ﴿62﴾

ثلاثة أرباع الحزب 23

54. Aħna qegħdin ngħidu biss li xi allat tagħna *(aktarx)* għamlulek xi deni *(li ġennek)*." Huwa qal*(ilhom)*: "Jiena nsejjaħ lil Alla b'xhud, u intom *(ukoll)* ixhdu li jiena ħieles minn dawk *(l-allat kollha)* li intom ixxierku

55. miegħu. Mela onsbuni *(kemm tridu)*, ilkoll kemm intom *(flimkien ma' l-allat tagħkom, u araw kif se teqirduni)*, u la tagħtunix żmien.

56. Jiena ħallejt f'idejn Alla Sidi u Sidkom *(għaliex il-bnedmin kollha huma tiegħu)*. Ma hemm ebda ħliqa *(fuq l-art)* li Huwa ma jaqbadx minn beżbużitha *(u jaħkimha)*. Sidi huwa tabilħaqq fi triq dritta *(u jagħti lil kulħadd dak li ħaqqu)*.

57. U jekk tagħtu daharkom *(għaliex ma tridux tisimgħu)*, jiena *(għallinqas)* wassaltilkom dak li ntbagħatt bih għandkom. U Sidi *(imbagħad jeqridkom u)* iġib ġens ieħor flokkom, u intom *(minkejja li xxierku allat oħra miegħu)* xejn ma tistgħu tagħmlulu ħsara. Sidi tabilħaqq iħares lil kollox *(u lil kulħadd mill-ħsara)*."

58. U meta ġie l-amar tagħna *(u kien wasal il-kastig tar-riħ qawwi li qeridhom)*, ħlisna lil Hūd u lil dawk miegħu li emmnu, bi ħniena minngħandna, u ħlisniehom minn kastig iebes.

59. Dak *(kien il-ġens ta')* Għād: huma ċaħdu s-sinjali ta' Sidhom, m'obdewx lill-Mibgħutin tiegħu, u mxew fuq l-amar ta' kull tirann ta' rasu iebsa.

60. U f'din id-dinja *(kellhom)* saħta li mxiet warajhom, u *(baqgħet magħhom saħansitra sa)* Jum il-Qawmien. Tabilħaqq li Għād ċaħdu lil Sidhom. Mela ħalli jkun Għād, ġens Hūd, 'il boghod *(minni, mishut u meqrud)*!

61. U għand *(il-ġens ta')* Ṯamūd *(bgħatna)* lil ħuhom Ṣāliħ. Huwa qal: "Ja niesi, qimu lil Alla; ma għandkomx alla *(ieħor)* għajru! Huwa li ħalaqkom mill-art, u qabbadkom biex tgħammru fiha. Mela *(issa)* itolbuh maħfra u duru lejh *(bl-indiema)*. Tabilħaqq li Sidi huwa qrib u jwieġeb *(il-ħtiġijiet tagħkom)*."

62. Huma qalu*(lu)*: "Ja Ṣāliħ, qabel ma *(seħħ)* dan, inti kont fostna *(bħala bniedem)* li konna nittamaw fih *(imma issa qtajna jiesna minnek)*. Jaqaw qiegħed iżżommna milli nqimu dak li kienu jqimu missirijietna? Aħna tassew ninsabu f'dubju u bejn ħalltejn dwar dak li qiegħed issejħilna għalih."

قَالَ يَٰقَوْمِ أَرَءَيْتُمْ إِن كُنتُ عَلَىٰ بَيِّنَةٍ مِّن رَّبِّى وَءَاتَىٰنِى
مِنْهُ رَحْمَةً فَمَن يَنصُرُنِى مِنَ ٱللَّهِ إِنْ عَصَيْتُهُۥ ۖ فَمَا تَزِيدُونَنِى
غَيْرَ تَخْسِيرٍ ﴿63﴾ وَيَٰقَوْمِ هَٰذِهِۦ نَاقَةُ ٱللَّهِ لَكُمْ ءَايَةً
فَذَرُوهَا تَأْكُلْ فِىٓ أَرْضِ ٱللَّهِ وَلَا تَمَسُّوهَا بِسُوٓءٍ فَيَأْخُذَكُمْ
عَذَابٌ قَرِيبٌ ﴿64﴾ فَعَقَرُوهَا فَقَالَ تَمَتَّعُوا۟ فِى دَارِكُمْ
ثَلَٰثَةَ أَيَّامٍ ۖ ذَٰلِكَ وَعْدٌ غَيْرُ مَكْذُوبٍ ﴿65﴾ فَلَمَّا جَآءَ
أَمْرُنَا نَجَّيْنَا صَٰلِحًا وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ مَعَهُۥ بِرَحْمَةٍ مِّنَّا
وَمِنْ خِزْىِ يَوْمِئِذٍ ۗ إِنَّ رَبَّكَ هُوَ ٱلْقَوِىُّ ٱلْعَزِيزُ ﴿66﴾ وَأَخَذَ
ٱلَّذِينَ ظَلَمُوا۟ ٱلصَّيْحَةُ فَأَصْبَحُوا۟ فِى دِيَٰرِهِمْ جَٰثِمِينَ
﴿67﴾ كَأَن لَّمْ يَغْنَوْا۟ فِيهَا ۗ أَلَآ إِنَّ ثَمُودَا۟ كَفَرُوا۟ رَبَّهُمْ ۗ أَلَا بُعْدًا
لِّثَمُودَ ﴿68﴾ وَلَقَدْ جَآءَتْ رُسُلُنَآ إِبْرَٰهِيمَ بِٱلْبُشْرَىٰ قَالُوا۟
سَلَٰمًا ۖ قَالَ سَلَٰمٌ ۖ فَمَا لَبِثَ أَن جَآءَ بِعِجْلٍ حَنِيذٍ ﴿69﴾ فَلَمَّا
رَءَآ أَيْدِيَهُمْ لَا تَصِلُ إِلَيْهِ نَكِرَهُمْ وَأَوْجَسَ مِنْهُمْ خِيفَةً ۚ
قَالُوا۟ لَا تَخَفْ إِنَّآ أُرْسِلْنَآ إِلَىٰ قَوْمِ لُوطٍ ﴿70﴾ وَٱمْرَأَتُهُۥ قَآئِمَةٌ
فَضَحِكَتْ فَبَشَّرْنَٰهَا بِإِسْحَٰقَ وَمِن وَرَآءِ إِسْحَٰقَ يَعْقُوبَ ﴿71﴾

63. Huwa qal*(ilhom)*: "Ja niesi, x'taħsbu? Jekk jiena għandi xhieda ċara minn Sidi, u tani ħniena mingħandu *(li hija l-profezija)*, min jaqbeż għalija quddiem Alla jekk ma nobdihx *(u ma nxandarx dak li bagħatni bih)*? U *(jekk biex nogħġobkom, ma nagħmilx dmiri magħkom)* x'se tkunu żidtuni, għajr fit-telfien?

64. Ja niesi, din hija l-ġemla ta' Alla, sinjal għalikom. Mela ħalluha tiekol *(u tixrob ħielsa)* f'art Alla, u la tmissuha b'ebda ħsara, inkella jeħodkom *(għal għarrieda)* kastig *(li jinsab)* fil-qrib."

65. Iżda huma qatluha u *(Ṣāliħ)* qal*(ilhom)*: "Gawdu f'darkom għal tlett ijiem *(oħra biss, imbagħad taraw il-kastig ġej fuqkom.)* Dik wegħda li ma titgiddibx."

66. U meta ġie l-amar tagħna *(bil-kastig)*, ħlisna lil Ṣāliħ u lil dawk miegħu li emmnu, bi ħniena mingħandna, mill-għajb ta' dakinhar. Tabilħaqq li Sidek huwa l-Qawwi, il-Felħan.

67. U lil dawk li għamlu l-ħażen ħadhom *(għal għarrieda)* ħoss qawwi *(li ħasadhom)*, u mas-sebħ kienu mixħutin *(fl-art, mejtin)* fi djarhom,

68. bħallikieku *(qatt)* ma għexu fihom. Tabilħaqq li *(nies)* Ṯāmūd ċaħdu lil Sidhom. Mela ħalli jkunu *(nies)* Ṯāmūd 'il bogħod *(minn Alla, mixħutin u meqrudin)*!

69. Il-Mibgħutin tagħna ġew għand Abraham bil-bxara t-tajba, u qalu*(lu)*: "Sliem!" Qal*(ilhom)*: "Sliem," u ma damx ma ġab*(ilhom)* għoġol mixwi.

70. U meta ra li ma middux idejhom fuqu *(l-ikel)*, għajnu għokritu minnhom, u ħass biża' minħabba fihom. Huma qalu*(lu)*: "La tibżax, *(għaliex aħna anġli u ma niklux ikel)*! Aħna mibgħutin għand nies Lot *(biex neqirduhom)*."

71. U martu *(Sara)* kienet wieqfa *(fil-qrib, wara purtiera)* u daħket. U tajnieha l-bxara dwar *(it-twelid ta')* Iżakk, u wara Iżakk *(jitwieled)* Ġakobb.

قَالَتْ يَٰوَيْلَتَىٰٓ ءَأَلِدُ وَأَنَا۠ عَجُوزٌ وَهَٰذَا بَعْلِى شَيْخًا ۖ إِنَّ هَٰذَا
لَشَىْءٌ عَجِيبٌ ﴿72﴾ قَالُوٓا۟ أَتَعْجَبِينَ مِنْ أَمْرِ ٱللَّهِ ۖ رَحْمَتُ ٱللَّهِ
وَبَرَكَٰتُهُۥ عَلَيْكُمْ أَهْلَ ٱلْبَيْتِ ۚ إِنَّهُۥ حَمِيدٌ مَّجِيدٌ ﴿73﴾ فَلَمَّا ذَهَبَ
عَنْ إِبْرَٰهِيمَ ٱلرَّوْعُ وَجَآءَتْهُ ٱلْبُشْرَىٰ يُجَٰدِلُنَا فِى قَوْمِ لُوطٍ ﴿74﴾
إِنَّ إِبْرَٰهِيمَ لَحَلِيمٌ أَوَّٰهٌ مُّنِيبٌ ﴿75﴾ يَٰٓإِبْرَٰهِيمُ أَعْرِضْ عَنْ هَٰذَآ ۖ إِنَّهُۥ
قَدْ جَآءَ أَمْرُ رَبِّكَ ۖ وَإِنَّهُمْ ءَاتِيهِمْ عَذَابٌ غَيْرُ مَرْدُودٍ ﴿76﴾ وَلَمَّا
جَآءَتْ رُسُلُنَا لُوطًا سِىٓءَ بِهِمْ وَضَاقَ بِهِمْ ذَرْعًا وَقَالَ هَٰذَا
يَوْمٌ عَصِيبٌ ﴿77﴾ وَجَآءَهُۥ قَوْمُهُۥ يُهْرَعُونَ إِلَيْهِ وَمِن قَبْلُ كَانُوا۟
يَعْمَلُونَ ٱلسَّيِّـَٔاتِ ۚ قَالَ يَٰقَوْمِ هَٰٓؤُلَآءِ بَنَاتِى هُنَّ أَطْهَرُ لَكُمْ ۖ
فَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَلَا تُخْزُونِ فِى ضَيْفِى ۖ أَلَيْسَ مِنكُمْ رَجُلٌ رَّشِيدٌ
﴿78﴾ قَالُوا۟ لَقَدْ عَلِمْتَ مَا لَنَا فِى بَنَاتِكَ مِنْ حَقٍّ وَإِنَّكَ لَتَعْلَمُ مَا نُرِيدُ
﴿79﴾ قَالَ لَوْ أَنَّ لِى بِكُمْ قُوَّةً أَوْ ءَاوِىٓ إِلَىٰ رُكْنٍ شَدِيدٍ ﴿80﴾ قَالُوا۟
يَٰلُوطُ إِنَّا رُسُلُ رَبِّكَ لَن يَصِلُوٓا۟ إِلَيْكَ ۖ فَأَسْرِ بِأَهْلِكَ بِقِطْعٍ
مِّنَ ٱلَّيْلِ وَلَا يَلْتَفِتْ مِنكُمْ أَحَدٌ إِلَّا ٱمْرَأَتَكَ ۖ إِنَّهُۥ مُصِيبُهَا
مَآ أَصَابَهُمْ ۚ إِنَّ مَوْعِدَهُمُ ٱلصُّبْحُ ۚ أَلَيْسَ ٱلصُّبْحُ بِقَرِيبٍ ﴿81﴾

72. Hija qalet *(mistagħġba)*: "Jahasra għalija! Se nwelled meta jiena xjaħt, u dan żewġi huwa xiħ? Din tassew ħaġa ta' l-għaġeb!"

73. Qalu*(lha l-Mibgħutin)*: "Qiegħda tistagħġeb bl-amar ta' Alla *(meta taf li Huwa fuq kollox Setgħan)*? Il-ħniena ta' Alla u l-barkiet tiegħu jkunu fuqkom, ja nies id-dar *(ta' Abraham)*. Huwa tabilħaqq jistħoqq kull tifħir, u Kollu Sebħ!"

74. U meta l-biża' ħalla lil Abraham *(għaliex fehem li dawk in-nies kienu tabilħaqq anġli ta' Alla)*, u *(meta)* ġietu l-bxara t-tajba *(dwar it-twelid ta' Iżakk)*, huwa ħaqqaqha magħna dwar nies Lot *(għaliex ried li lil dawn jingħatalhom aktar żmien biex forsi jindmu u jitolbu maħfra)*.

75. Tabilħaqq li Abraham kien idum ma jagħdab, wisq ħanin *(mannies l-oħra, jibża' għalihom)*, u niedem.

76. *(L-anġli qalulu)*: "Ja Abraham, ħallik minn dan *(u toqgħodx taqbeż għal nies Lot)*. Tabilħaqq għadu kif ġie l-amar ta' Sidek, u fuqhom tassew ġej kastig li ma jinżammx lura *(minnhom, u se jinqerdu)*."

77. U meta l-Mibgħutin *(l-anġli)* tagħna ġew għand Lot, huwa tnikket għalihom *(għaliex ħasibhom bnedmin bħall-oħrajn u beża' li niesu kienu se jabbużaw minnhom)* u ħass id-diqa minħabba fihom *(għaliex ma setax iħarishom mill-ħażen ta' niesu)*, u qal: "Dan jum tal-biża'!"

78. U niesu ġew mgħaġġlin għandu *(għaliex riedu jidinbu malbarranin li kienu għadhom kif waslu għand Lot)*, u qabel kienu *(ilhom)* jagħmlu għemejjel ħżiena. Qalilhom *(Lot)*: "Ja niesi, dawn il-bniet tiegħi *(li jgħixu miegħi f'din il-belt)* huma aktar safja għalikom *(u jixirqulkom aktar)*. Mela ibżgħu minn Alla, u la twaqqgħunix fil-għajb *(bi mġiba ħażina)* mal-mistednin tiegħi. Jaqaw fostkom ma hemmx raġel *(wieħed)* bil-għaqal?"

79. Qalu: "Inti taf li ma għandniex jedd fuq il-bniet tiegħek *(għaliex m'aħniex miġbudin lejn in-nisa)*, u inti tassew taf dak li rridu, *(irġiel bħalna)*!"

80. Qal*(ilhom Lot)*: "Mhux li kelli l-qawwa kontrikom, jew *(għallinqas)* li nistkenn għand *(xi ħadd b'saħħtu li jkunli bħal)* xi rokna qawwija!"

81. U *(il-Mibgħutin)* qalu: "Ja Lot, aħna l-Mibgħutin ta' Sidek. *(Mela serraħ rasek għaliex)* ma humiex se jaslu sa għandek *(u ma humiex se jagħmlulek deni)*! Mela *(issa)* itlaq bil-familja tiegħek, f'ħin minn tal-lejl *(li baqa')*, u *(ara li)* ħadd minnkom ma jħares lura, ħlief martek, għaliex se jmissha dak *(il-kastig)* li jmiss lilhom. Tabilħaqq li l-ħin imwiegħed *(għall-kastig)* tagħhom huwa l-għodwa. Jaqaw l-għodwa ma hijiex fil-qrib?"

فَلَمَّا جَآءَ أَمْرُنَا جَعَلْنَا عَٰلِيَهَا سَافِلَهَا وَأَمْطَرْنَا عَلَيْهَا
حِجَارَةً مِّن سِجِّيلٍ مَّنضُودٍ ﴿82﴾ مُّسَوَّمَةً عِندَ رَبِّكَ ۖ
وَمَا هِىَ مِنَ ٱلظَّٰلِمِينَ بِبَعِيدٍ ﴿83﴾ ۞ وَإِلَىٰ مَدْيَنَ أَخَاهُمْ
شُعَيْبًا ۚ قَالَ يَٰقَوْمِ ٱعْبُدُوا۟ ٱللَّهَ مَا لَكُم مِّنْ إِلَٰهٍ غَيْرُهُۥ ۖ
وَلَا تَنقُصُوا۟ ٱلْمِكْيَالَ وَٱلْمِيزَانَ ۚ إِنِّىٓ أَرَىٰكُم بِخَيْرٍ
وَإِنِّىٓ أَخَافُ عَلَيْكُمْ عَذَابَ يَوْمٍ مُّحِيطٍ ﴿84﴾ وَيَٰقَوْمِ
أَوْفُوا۟ ٱلْمِكْيَالَ وَٱلْمِيزَانَ بِٱلْقِسْطِ ۖ وَلَا تَبْخَسُوا۟
ٱلنَّاسَ أَشْيَآءَهُمْ وَلَا تَعْثَوْا۟ فِى ٱلْأَرْضِ مُفْسِدِينَ ﴿85﴾
بَقِيَّتُ ٱللَّهِ خَيْرٌ لَّكُمْ إِن كُنتُم مُّؤْمِنِينَ ۚ وَمَآ أَنَا۠ عَلَيْكُم
بِحَفِيظٍ ﴿86﴾ قَالُوا۟ يَٰشُعَيْبُ أَصَلَوٰتُكَ تَأْمُرُكَ أَن
نَّتْرُكَ مَا يَعْبُدُ ءَابَآؤُنَآ أَوْ أَن نَّفْعَلَ فِىٓ أَمْوَٰلِنَا مَا نَشَٰٓؤُا۟ ۖ
إِنَّكَ لَأَنتَ ٱلْحَلِيمُ ٱلرَّشِيدُ ﴿87﴾ قَالَ يَٰقَوْمِ أَرَءَيْتُمْ إِن
كُنتُ عَلَىٰ بَيِّنَةٍ مِّن رَّبِّى وَرَزَقَنِى مِنْهُ رِزْقًا حَسَنًا ۚ وَمَآ أُرِيدُ أَنْ
أُخَالِفَكُمْ إِلَىٰ مَآ أَنْهَىٰكُمْ عَنْهُ ۚ إِنْ أُرِيدُ إِلَّا ٱلْإِصْلَٰحَ
مَا ٱسْتَطَعْتُ ۚ وَمَا تَوْفِيقِىٓ إِلَّا بِٱللَّهِ ۚ عَلَيْهِ تَوَكَّلْتُ وَإِلَيْهِ أُنِيبُ ﴿88﴾

الحزب 24

82. U meta ġie l-amar tagħna *(u wasal il-kastig, il-bliet)* għamilniehom ta' taħt fuq, u niżżilna fuqhom xita ta' ġebel ta' fuħħar iebes, saff fuq saff,

83. *(kull waħda)* imnaqqxa *(u mibgħuta)* minn Sidek, u *(dan il-ġebel)* ma huwiex 'il bogħod mill-ħżiena.

84. U għand *(il-ġens ta')* Madjan *(bgħatna)* lil ħuhom Xugħajb. Huwa qal: "Ja niesi, qimu lil Alla! Ma għandkomx alla *(ieħor)* għajru. La tnaqqsux fil-kejl u l-użin *(kif tħobbu tagħmlu)*. Jiena tabilħaqq narakom li ma jonqoskom xejn, iżda tassew nibża' li *(jekk m'intomx se tibdlu ħajjitkom)* se jkollkom il-kastig ta' Jum li jdawwarkom minn kullimkien *(hekk li ħadd ma jaħrab minnu)*.

85. Ja niesi, agħtu kejl u wżin sħiħ, bil-ħaqq, u la ċċaħħdux lin-nies dak li hu tagħhom! La tagħmlux ħażen fuq l-art bil-ħsara tagħkom!

86. Dak *(il-ġid xieraq)* li Alla ħallielkom huwa aħjar għalikom *(minn dak li tiksbu bil-qerq)*, jekk intom temmnu. Jiena m'iniex għassies fuqkom *(u dmiri, bħala Mibgħut ta' Alla, huwa biss li niftħilkom għajnejkom biex taraw is-sewwa u l-ħaqq)*!"

87. Qal*(ulu bi tkasbir)*: "Ja Xugħajb, jaqaw it-talb tiegħek qiegħed jamarlek biex inħallu dak li kienu jqimu missirijietna, jew li *(ma nibqgħux)* nagħmlu li rridu b'ġidna? Inti tabilħaqq dak li jdum ma jagħdab, u bil-għaqal."

88. Qal*(ilhom)*: "Ja niesi, x'taħsbu? Jekk għandi xhieda ċara minn Sidi *(bis-saħħa tal-profezija)*, u tani għajxien tajjeb mingħandu, *(jaqaw ma huwiex dmiri li nħeġġiġkom titilqu l-allat foloz tagħkom)*? Jiena ma rridx li nagħmel minn wara daharkom dak li qiegħed inżommkom lura minnu. Jiena rrid biss li, kemm nista', *(inġib)* it-titjib *(fil-qagħda tagħkom, biex timxu 'l quddiem)*. U s-suċċess tiegħi *(f'dan)* huwa biss b'Alla. F'idejh ħallejt, u lejh indur bl-indiema.

وَيَٰقَوْمِ لَا يَجْرِمَنَّكُمْ شِقَاقِيٓ أَن يُصِيبَكُم مِّثْلُ مَآ أَصَابَ
قَوْمَ نُوحٍ أَوْ قَوْمَ هُودٍ أَوْ قَوْمَ صَٰلِحٍ ۚ وَمَا قَوْمُ لُوطٍ مِّنكُم
بِبَعِيدٍ ﴿89﴾ وَٱسْتَغْفِرُوا۟ رَبَّكُمْ ثُمَّ تُوبُوٓا۟ إِلَيْهِ ۚ إِنَّ رَبِّى
رَحِيمٌ وَدُودٌ ﴿90﴾ قَالُوا۟ يَٰشُعَيْبُ مَا نَفْقَهُ كَثِيرًا مِّمَّا تَقُولُ
وَإِنَّا لَنَرَىٰكَ فِينَا ضَعِيفًا ۖ وَلَوْلَا رَهْطُكَ لَرَجَمْنَٰكَ ۖ وَمَآ أَنتَ
عَلَيْنَا بِعَزِيزٍ ﴿91﴾ قَالَ يَٰقَوْمِ أَرَهْطِىٓ أَعَزُّ عَلَيْكُم مِّنَ
ٱللَّهِ ۖ وَٱتَّخَذْتُمُوهُ وَرَآءَكُمْ ظِهْرِيًّا ۖ إِنَّ رَبِّى بِمَا تَعْمَلُونَ
مُحِيطٌ ﴿92﴾ وَيَٰقَوْمِ ٱعْمَلُوا۟ عَلَىٰ مَكَانَتِكُمْ إِنِّى عَٰمِلٌ ۖ
سَوْفَ تَعْلَمُونَ مَن يَأْتِيهِ عَذَابٌ يُخْزِيهِ وَمَنْ هُوَ
كَٰذِبٌ ۖ وَٱرْتَقِبُوٓا۟ إِنِّى مَعَكُمْ رَقِيبٌ ﴿93﴾ وَلَمَّا جَآءَ
أَمْرُنَا نَجَّيْنَا شُعَيْبًا وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ مَعَهُۥ بِرَحْمَةٍ مِّنَّا وَأَخَذَتِ
ٱلَّذِينَ ظَلَمُوا۟ ٱلصَّيْحَةُ فَأَصْبَحُوا۟ فِى دِيَٰرِهِمْ جَٰثِمِينَ ﴿94﴾
كَأَن لَّمْ يَغْنَوْا۟ فِيهَا ۗ أَلَا بُعْدًا لِّمَدْيَنَ كَمَا بَعِدَتْ ثَمُودُ ﴿95﴾ وَلَقَدْ
أَرْسَلْنَا مُوسَىٰ بِـَٔايَٰتِنَا وَسُلْطَٰنٍ مُّبِينٍ ﴿96﴾ إِلَىٰ فِرْعَوْنَ
وَمَلَإِيْهِ فَٱتَّبَعُوٓا۟ أَمْرَ فِرْعَوْنَ ۖ وَمَآ أَمْرُ فِرْعَوْنَ بِرَشِيدٍ ﴿97﴾

89. Ja niesi, la tħallux il-mibegħda tagħkom kontrija twassalkom li jmisskom dak *(il-kastig)* li mess lil nies Noè, jew nies Hūd, jew nies Ṣāliħ. U *(kunu afu li)* nies Lot ma humiex 'il bogħod minnkom *(u għalhekk tistgħu taraw xi ġralhom u tieħdu tagħlima)*!

90. Itolbu l-maħfra mingħand Sidkom, imbagħad duru nedmin lejh! Sidi tabilħaqq Ħanin u Kollu Mħabba."

91. Qalu*(lu)*: "Ja Xugħajb, aħna ma nifhmux wisq minn dak li qiegħed tgħid, u tabilħaqq qegħdin narawk dgħajjef fostna. Li ma kienx minħabba *(li nirrispettaw ħafna)* lill-familja tiegħek, konna diġà ħaġġarniek. *(Barra minn hekk)* m'intix għażiż għalina *(u lanqas ma għandek ebda setgħa fuqna)*."

92. Qal *(Xugħajb)*: "Ja niesi, jaqaw il-familja tiegħi hija egħżeż għalikom minn Alla? Intom xħettuh wara daharkom *(u ċħadtuh u nsejtuh għal kollox)*. Sidi tabilħaqq jaf sewwa b'dak li tagħmlu.

93. Ja niesi, *(ibqgħu)* agħmlu kif tafu *(fl-injuranza kbira tagħkom)*; jiena nagħmel *(dak li jitlob minni l-Islam)*, u se tkunu tafu min jiġih kastig li jagħmillu għajb, u min huwa giddieb! Mela stennew *(ħalli taraw x'se jiġri minnkom)*; jiena nistenna magħkom."

94. U meta ġie l-amar tagħna *(u kien wasal il-kastig)*, ħlisna lil Xugħajb u lil dawk li emmnu miegħu, bi ħniena mingħandna. U lill-ħżiena ħadhom *(għal għarrieda)* il-ħoss qawwi, u mas-sebħ kienu mixħutin *(fl-art, mejtin)* fi djarhom,

95. bħallikieku *(qatt)* ma għexu fihom. Mela ħalli jkun *(ġens)* Madjan 'il bogħod *(minn Alla, mishut u meqrud)*, bħalma tbiegħed *(ġens)* Ṯāmūd!

96. U bgħatna lil Mosè bis-sinjali tagħna u b'setgħa ċara

97. għand il-Fargħun u kbaratu, iżda huma mxew fuq l-amar tal-Fargħun, u l-amar tal-Fargħun ma fihx għaqal *(u jwassal għat-telfien)*.

يَقْدُمُ قَوْمَهُۥ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ فَأَوْرَدَهُمُ ٱلنَّارَ ۖ وَبِئْسَ ٱلْوِرْدُ
ٱلْمَوْرُودُ ﴿98﴾ وَأُتْبِعُوا۟ فِى هَٰذِهِۦ لَعْنَةً وَيَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ ۚ بِئْسَ
ٱلرِّفْدُ ٱلْمَرْفُودُ ﴿99﴾ ذَٰلِكَ مِنْ أَنۢبَآءِ ٱلْقُرَىٰ نَقُصُّهُۥ عَلَيْكَ ۖ
مِنْهَا قَآئِمٌ وَحَصِيدٌ ﴿100﴾ وَمَا ظَلَمْنَٰهُمْ وَلَٰكِن ظَلَمُوٓا۟
أَنفُسَهُمْ ۖ فَمَآ أَغْنَتْ عَنْهُمْ ءَالِهَتُهُمُ ٱلَّتِى يَدْعُونَ مِن دُونِ
ٱللَّهِ مِن شَىْءٍ لَّمَّا جَآءَ أَمْرُ رَبِّكَ ۖ وَمَا زَادُوهُمْ غَيْرَ تَتْبِيبٍ ﴿101﴾
وَكَذَٰلِكَ أَخْذُ رَبِّكَ إِذَآ أَخَذَ ٱلْقُرَىٰ وَهِىَ ظَٰلِمَةٌ ۚ إِنَّ أَخْذَهُۥٓ
أَلِيمٌ شَدِيدٌ ﴿102﴾ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَةً لِّمَنْ خَافَ عَذَابَ ٱلْءَاخِرَةِ ۚ
ذَٰلِكَ يَوْمٌ مَّجْمُوعٌ لَّهُ ٱلنَّاسُ وَذَٰلِكَ يَوْمٌ مَّشْهُودٌ ﴿103﴾ وَمَا
نُؤَخِّرُهُۥٓ إِلَّا لِأَجَلٍ مَّعْدُودٍ ﴿104﴾ يَوْمَ يَأْتِ لَا تَكَلَّمُ نَفْسٌ
إِلَّا بِإِذْنِهِۦ ۚ فَمِنْهُمْ شَقِىٌّ وَسَعِيدٌ ﴿105﴾ فَأَمَّا ٱلَّذِينَ شَقُوا۟ فَفِى
ٱلنَّارِ لَهُمْ فِيهَا زَفِيرٌ وَشَهِيقٌ ﴿106﴾ خَٰلِدِينَ فِيهَا مَا دَامَتِ
ٱلسَّمَٰوَٰتُ وَٱلْأَرْضُ إِلَّا مَا شَآءَ رَبُّكَ ۚ إِنَّ رَبَّكَ فَعَّالٌ لِّمَا يُرِيدُ
﴿107﴾ ۞ وَأَمَّا ٱلَّذِينَ سُعِدُوا۟ فَفِى ٱلْجَنَّةِ خَٰلِدِينَ فِيهَا مَا دَامَتِ
ٱلسَّمَٰوَٰتُ وَٱلْأَرْضُ إِلَّا مَا شَآءَ رَبُّكَ ۖ عَطَآءً غَيْرَ مَجْذُوذٍ ﴿108﴾

ربع الحزب 24

98. Huwa għad jimxi quddiem niesu f'Jum il-Qawmien u jwassalhom san-Nar. Ta' għajb ikun l-imkien li jaslu fih.

99. F'din *(id-dinja)* u f'Jum il-Qawmien għandhom saħta timxi warajhom. Ta' għajb l-għotja li jingħataw *(li ma hijiex għajr is-saħta)*.

100. Dawn huma xi ftit mill-ġrajjiet ta' l-ibliet li Aħna ngħidulek *(Muħammad)* dwarhom: hemm *(bliet)* minnhom li għadhom wieqfa *(sal-lum, minkejja li nieshom inqerdu)* u *(oħrajn)* inħasdu *(minn wiċċ id-dinja, flimkien ma' nieshom, bil-kastig li laqathom, u ġew fix-xejn)*.

101. Mhux Aħna li nqasna lejhom, iżda kienu huma li naqsu lejhom infushom *(bit-twemmin fieragħ tagħhom fl-allat)*, u l-allat tagħhom, li huma jsejħu minflok lil Alla, ma swewlhom xejn meta ġie l-amar ta' Sidek *(li huwa l-kastig, anzi)* ma żiduhomx għajr fit-telfien *(u l-qerda)*.

102. Hekk hija l-qabda *(qerrieda)* ta' Sidek meta *(fl-għadab kbir tiegħu)* jaqbad l-ibliet fil-ħażen tagħhom *(u jagħmel ħaqq minnhom)*. Il-qabda tiegħu tabilħaqq ta' wġigħ u qalila!

103. Tabilħaqq li f'dawn *(il-ġrajjiet kollha li ssemmew)* hemm sinjal *(u tagħlima kbira)* għal min jibża' mill-kastig *(fil-Ħajja)* l-Oħra. Dak huwa Jum li n-nies jinġemgħu għalih *(biex isir ħaqq minnhom)*; dak huwa Jum li *(kulħadd għad)* jixhed għalih.

104. M'Aħniex se nħalluh *(dak il-Jum)* għal ħin ieħor, jekk mhux għal żmien magħdud.

105. Fil-Jum meta jasal, ebda ruħ ma titkellem għajr bir-rieda tiegħu. *(Fost il-bnedmin miġbura għall-Ġudizzju)* ikun hemm minnhom li jkun imnikket, u minnhom li jkun ferħan.

106. U dawk li jkunu mnikktin ikunu fin-Nar: fih hemm it-tnehid *(b'nifs qawwi)*, u l-ilfiq.

107. Fih jgħammru għal dejjem, sa ma jdumu s-smewwiet u l-art, ħlief kemm irid Sidek. Sidek tabilħaqq jagħmel li jrid.

108. U dawk *(wisq)* ferħanin ikunu fil-Ġenna, u fiha jgħammru għal dejjem, sa ma jdumu s-smewwiet u l-art, ħlief kemm irid Sidek; *(din tkun)* għotja bla waqfien.

فَلَا تَكُ فِي مِرْيَةٍ مِّمَّا يَعْبُدُ هَٰٓؤُلَآءِ ۚ مَا يَعْبُدُونَ إِلَّا كَمَا يَعْبُدُ
ءَابَآؤُهُم مِّن قَبْلُ ۚ وَإِنَّا لَمُوَفُّوهُمْ نَصِيبَهُمْ غَيْرَ مَنقُوصٍ ﴿109﴾
وَلَقَدْ ءَاتَيْنَا مُوسَى ٱلْكِتَٰبَ فَٱخْتُلِفَ فِيهِ ۚ وَلَوْلَا كَلِمَةٌ
سَبَقَتْ مِن رَّبِّكَ لَقُضِىَ بَيْنَهُمْ ۚ وَإِنَّهُمْ لَفِى شَكٍّ مِّنْهُ مُرِيبٍ
﴿110﴾ وَإِنَّ كُلًّا لَّمَّا لَيُوَفِّيَنَّهُمْ رَبُّكَ أَعْمَٰلَهُمْ ۚ إِنَّهُۥ بِمَا يَعْمَلُونَ
خَبِيرٌ ﴿111﴾ فَٱسْتَقِمْ كَمَآ أُمِرْتَ وَمَن تَابَ مَعَكَ وَلَا تَطْغَوْا ۚ
إِنَّهُۥ بِمَا تَعْمَلُونَ بَصِيرٌ ﴿112﴾ وَلَا تَرْكَنُوٓا۟ إِلَى ٱلَّذِينَ ظَلَمُوا۟
فَتَمَسَّكُمُ ٱلنَّارُ وَمَا لَكُم مِّن دُونِ ٱللَّهِ مِنْ أَوْلِيَآءَ ثُمَّ
لَا تُنصَرُونَ ﴿113﴾ وَأَقِمِ ٱلصَّلَوٰةَ طَرَفَىِ ٱلنَّهَارِ وَزُلَفًا مِّنَ
ٱلَّيْلِ ۚ إِنَّ ٱلْحَسَنَٰتِ يُذْهِبْنَ ٱلسَّيِّـَٔاتِ ۚ ذَٰلِكَ ذِكْرَىٰ لِلذَّٰكِرِينَ
﴿114﴾ وَٱصْبِرْ فَإِنَّ ٱللَّهَ لَا يُضِيعُ أَجْرَ ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿115﴾ فَلَوْلَا
كَانَ مِنَ ٱلْقُرُونِ مِن قَبْلِكُمْ أُو۟لُوا۟ بَقِيَّةٍ يَنْهَوْنَ عَنِ ٱلْفَسَادِ
فِى ٱلْأَرْضِ إِلَّا قَلِيلًا مِّمَّنْ أَنجَيْنَا مِنْهُمْ ۗ وَٱتَّبَعَ ٱلَّذِينَ
ظَلَمُوا۟ مَآ أُتْرِفُوا۟ فِيهِ وَكَانُوا۟ مُجْرِمِينَ ﴿116﴾ وَمَا كَانَ
رَبُّكَ لِيُهْلِكَ ٱلْقُرَىٰ بِظُلْمٍ وَأَهْلُهَا مُصْلِحُونَ ﴿117﴾

109. Mela la tkunx bejn ħalltejn fuq dak *(il-qerq)* li dawn *(in-nies pagani)* iqimu. Huma ma jqimux għajr dak li missirijiethom qiemu qabel. Aħna tabilħaqq nagħtuhom il-ħlas sħiħ tagħhom *(li huwa l-kastig)*, mhux imnaqqas.

110. Aħna tassew tajna l-Ktieb lil Mosè, u ma kienx hemm qbil fuqu. Li kieku mhux għal Kelma li laħqet *(ingħatat)* minn Sidek *(li jħalli l-ħlas mistħoqq lil kulħadd għall-Aħħar Jum)*, kieku diġà sar ħaqq minnhom *(fid-dinja stess)*. Huma *(nies Qurajx)* tassew jinsabu f'dubju *(li jħallihom)* bejn ħalltejn *(dwar il-Qoran)*.

111. Sidek tabilħaqq se jagħtihom ħlas sħiħ, lil kulħadd *(tajbin u ħżiena)*, ta' l-għemejjel tagħhom. Huwa tabilħaqq jaf sew b'dak li jagħmlu.

112. Mela żomm fit-triq it-tajba, kif kien l-amar li ngħatajt *(Muħammad, int)* u min, miegħek, idur bl-indiema *(lejn Alla)*, u la taqbżux il-limiti *(iffissati minn Alla)*! Huwa tabilħaqq jara sew dak li tagħmlu.

113. La toqogħdux fuq dawk li jagħmlu l-ħażen, għaliex *(inkella)* imisskom in-Nar, u ma għandkomx ħbieb *(biex jaqbżu għalikom u jħarsukom)* għajr Alla, u lanqas ikollkom l-għajnuna.

114. U agħmel it-talb *(Muħammad)* fiż-żewġt itruf tan-nhar *(fis-sebħ u wara nofsinhar)* u fil-bidu tal-lejl. L-għemejjel tajba tabilħaqq ixejnu lill-ħżiena. Din hija tifkira għal dawk li jiftakru *(dejjem f'Alla)*.

115. U stabar *(Muħammad)*, għaliex Alla tassew ma jtellifx il-ħlas ta' dawk li jagħmlu t-tajjeb.

116. Mhux li kien hemm, fost il-ġenerazzjonijiet ta' qabilkom, min kien baqagħlu *(xi ftit għerf)*, li ma kienx iħalli *(issir)* ħsara fuq l-art, ħlief għal ftit minnhom *(li għamlu hekk u)* li konna ħlisna. Iżda dawk li għamlu l-ħażen imxew fil-ħajja komda *(u ta' tgawdija)* li ngħatatilhom, u kienu ħatjin.

117. Sidek ma kienx jeqred il-bliet għalxejn b'xejn, filwaqt li nieshom kienu jagħmlu l-ġid.

وَلَوْ شَآءَ رَبُّكَ لَجَعَلَ ٱلنَّاسَ أُمَّةً وَٰحِدَةً ۖ وَلَا يَزَالُونَ مُخْتَلِفِينَ
(118) إِلَّا مَن رَّحِمَ رَبُّكَ ۚ وَلِذَٰلِكَ خَلَقَهُمْ ۗ وَتَمَّتْ كَلِمَةُ رَبِّكَ
لَأَمْلَأَنَّ جَهَنَّمَ مِنَ ٱلْجِنَّةِ وَٱلنَّاسِ أَجْمَعِينَ (119) وَكُلًّا نَّقُصُّ
عَلَيْكَ مِنْ أَنۢبَآءِ ٱلرُّسُلِ مَا نُثَبِّتُ بِهِۦ فُؤَادَكَ ۚ وَجَآءَكَ فِى هَٰذِهِ
ٱلْحَقُّ وَمَوْعِظَةٌ وَذِكْرَىٰ لِلْمُؤْمِنِينَ (120) وَقُل لِّلَّذِينَ لَا يُؤْمِنُونَ
ٱعْمَلُوا۟ عَلَىٰ مَكَانَتِكُمْ إِنَّا عَٰمِلُونَ (121) وَٱنتَظِرُوٓا۟ إِنَّا مُنتَظِرُونَ
(122) وَلِلَّهِ غَيْبُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَإِلَيْهِ يُرْجَعُ ٱلْأَمْرُ كُلُّهُۥ
فَٱعْبُدْهُ وَتَوَكَّلْ عَلَيْهِ ۚ وَمَا رَبُّكَ بِغَٰفِلٍ عَمَّا تَعْمَلُونَ (123)

سُورَةُ يُوسُفَ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

الٓر ۚ تِلْكَ ءَايَٰتُ ٱلْكِتَٰبِ ٱلْمُبِينِ (1) إِنَّآ أَنزَلْنَٰهُ قُرْءَٰنًا عَرَبِيًّا
لَّعَلَّكُمْ تَعْقِلُونَ (2) نَحْنُ نَقُصُّ عَلَيْكَ أَحْسَنَ ٱلْقَصَصِ
بِمَآ أَوْحَيْنَآ إِلَيْكَ هَٰذَا ٱلْقُرْءَانَ وَإِن كُنتَ مِن قَبْلِهِۦ
لَمِنَ ٱلْغَٰفِلِينَ (3) إِذْ قَالَ يُوسُفُ لِأَبِيهِ يَٰٓأَبَتِ إِنِّى رَأَيْتُ
أَحَدَ عَشَرَ كَوْكَبًا وَٱلشَّمْسَ وَٱلْقَمَرَ رَأَيْتُهُمْ لِى سَٰجِدِينَ (4)

118. Li kieku ried, Sidek kien jagħmel lin-nies kollha ġens wieħed *(b'reliġjon waħda li hija l-Islam)*, iżda huma għadhom ma jaqblux bejniethom,

119. ħlief dawk *(minn nies is-sewwa)* li Sidek ħenn għalihom. U għal dan ħalaqhom *(biex ikun hemm minnhom li jitħallsu bil-Ġenna u oħrajn bl-Infern)*. U Kelmet Sidek tilħaq il-milja tagħha: "Nimla tabilħaqq l-Infern bil-*ġinn* u n-nies, ilkoll flimkien!"

120. Aħna ngħidulek kollox dwar il-ġrajjiet tal-Mibgħutin – dak li bih inqawwulek qalbek. F'dawn *(il-ġrajjiet)* ġiek is-sewwa, twissija u tifkira lil dawk li jemmnu.

121. Għid *(Muħammad)* lil dawk li ma jemmnux: "Agħmlu kif tafu *(fl-injuranza kbira tagħkom)*; aħna nagħmlu *(dak li jitlob minna l-Islam)*.

122. U stennew *(ħalli taraw x'se jiġri minna)*; aħna wkoll nistennew *(biex naraw il-kastig ikrah li ġej fuqkom)*."

123. Ta' Alla huma l-ħwejjeġ mistura tas-smewwiet u l-art, u għandu terġa' lura l-kwistjoni kollha *(għall-ħaqq tiegħu)*. Mela agħtih qima u ħalli f'idejh! Sidek ma jaqbiżlu xejn minn dak li tagħmlu.

12. *Sūratu Jūsuf*

(Suret Ġużeppi – Niżlet f'Mekka b'111-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *'Alif. Lām. Rā'*. Dawn huma l-versi tal-Ktieb *(li fih kollox huwa mfisser b'mod)* mill-aktar ċar.

2. Aħna niżżilnieh Qoran *(bl-ilsien)* Għarbi biex forsi tifhmu *(li l-Awtur tiegħu ma huwa ħadd ħlief Alla, Sid il-bnedmin)*.

3. Aħna ngħidulek *(Muħammad)* l-aħjar ġrajjiet meta qegħdin innebbħuk dan il-Qoran, u tabilħaqq li qabel kont minn dawk li ma kinux jafu *(bih)*.

4. Meta Ġużeppi qal lil missieru *(Ġakobb)*: "Missier, *(f'ħolma)* jiena rajt ħdax-il kewkba, u x-xemx u l-qamar – rajthom mixħutin quddiemi *(jagħtuni ġieħ)*."

قَالَ يَٰبُنَيَّ لَا تَقۡصُصۡ رُءۡيَاكَ عَلَىٰٓ إِخۡوَتِكَ فَيَكِيدُواْ لَكَ كَيۡدًاۖ
إِنَّ ٱلشَّيۡطَٰنَ لِلۡإِنسَٰنِ عَدُوّٞ مُّبِينٞ ﴿5﴾ وَكَذَٰلِكَ يَجۡتَبِيكَ
رَبُّكَ وَيُعَلِّمُكَ مِن تَأۡوِيلِ ٱلۡأَحَادِيثِ وَيُتِمُّ نِعۡمَتَهُۥ عَلَيۡكَ
وَعَلَىٰٓ ءَالِ يَعۡقُوبَ كَمَآ أَتَمَّهَا عَلَىٰٓ أَبَوَيۡكَ مِن قَبۡلُ إِبۡرَٰهِيمَ وَإِسۡحَٰقَۚ
إِنَّ رَبَّكَ عَلِيمٌ حَكِيمٞ ﴿6﴾ ۞ لَّقَدۡ كَانَ فِي يُوسُفَ وَإِخۡوَتِهِۦٓ
ءَايَٰتٞ لِّلسَّآئِلِينَ ﴿7﴾ إِذۡ قَالُواْ لَيُوسُفُ وَأَخُوهُ أَحَبُّ إِلَىٰٓ
أَبِينَا مِنَّا وَنَحۡنُ عُصۡبَةٌ إِنَّ أَبَانَا لَفِي ضَلَٰلٖ مُّبِينٍ ﴿8﴾ ٱقۡتُلُواْ
يُوسُفَ أَوِ ٱطۡرَحُوهُ أَرۡضٗا يَخۡلُ لَكُمۡ وَجۡهُ أَبِيكُمۡ وَتَكُونُواْ مِنۢ
بَعۡدِهِۦ قَوۡمٗا صَٰلِحِينَ ﴿9﴾ قَالَ قَآئِلٞ مِّنۡهُمۡ لَا تَقۡتُلُواْ يُوسُفَ
وَأَلۡقُوهُ فِي غَيَٰبَتِ ٱلۡجُبِّ يَلۡتَقِطۡهُ بَعۡضُ ٱلسَّيَّارَةِ إِن كُنتُمۡ
فَٰعِلِينَ ﴿10﴾ قَالُواْ يَٰٓأَبَانَا مَا لَكَ لَا تَأۡمَنَّا عَلَىٰ يُوسُفَ وَإِنَّا لَهُۥ
لَنَٰصِحُونَ ﴿11﴾ أَرۡسِلۡهُ مَعَنَا غَدٗا يَرۡتَعۡ وَيَلۡعَبۡ وَإِنَّا لَهُۥ
لَحَٰفِظُونَ ﴿12﴾ قَالَ إِنِّي لَيَحۡزُنُنِيٓ أَن تَذۡهَبُواْ بِهِۦ وَأَخَافُ
أَن يَأۡكُلَهُ ٱلذِّئۡبُ وَأَنتُمۡ عَنۡهُ غَٰفِلُونَ ﴿13﴾ قَالُواْ لَئِنۡ
أَكَلَهُ ٱلذِّئۡبُ وَنَحۡنُ عُصۡبَةٌ إِنَّآ إِذٗا لَّخَٰسِرُونَ ﴿14﴾

نصف الحزب 24

5. Qal *(missieru)*: "Ibni, la tgħidx lil ħutek b'dak li rajt, li ma jdaħħlukx f'xi nasba *(u, fl-għira tagħhom għalik, joqtluk)*. Ix-Xitan tabilħaqq huwa għadu fil-beraħ tal-bniedem.
6. Hekk Sidek jaħtrek, jgħallmek it-tifsir tal-ġrajjiet, u jġib fil-milja tagħha l-grazzja tiegħu fuqek u fuq nies Ġakobb, bħalma qabel kien ġab il-milja tagħha fuq missirijietek Abraham u Iżakk. Sidek tabilħaqq jaf kollox u Għaref."
7. Tassew li f'Ġużeppi u *(fil-ġrajja tiegħu ma')* ħutu hemm sinjali għal dawk li jfittxu *(is-sewwa)*.
8. Meta *(l-aħwa ta' Ġużeppi)* qalu: "Tassew li Ġużeppi u ħuh *(Benjamin)* huma egħżeż għal missierna minna, għalkemm aħna ġemgħa qawwija *(mhux bħal dawn iż-żewġ dgħajfin)*. Missierna tabilħaqq imħawwad sew *(biex qiegħed jippreferi lil dawn)*!
9. Oqtlu lil Ġużeppi, jew keċċuh f'art *(oħra, imbiegħda)*, biex ħsieb missierkom ikun fuqkom biss, u wara dan *(kollu, tindmu minn ħtijietkom u)* tkunu nies ġusti!"
10. Wieħed minnhom *(Ġuda, l-akbar fost l-aħwa)* qal *(lil ħutu)*: "La toqtlux lil Ġużeppi, iżda ixħtuh f'qiegħ il-ġiebja, *(hekk li)* min ikun għaddej, jiġbru – jekk *(daħħaltuha f'raskom li)* tridu tagħmlu*(lu xi ħaġa biex teħilsu minnu)*!"
11. Huma qalu: "Missier, għaliex ma tafdalniex lil Ġużeppi, meta aħna rridulu l-ġid?
12. Għada ibagħtu magħna biex jgħaddi ż-żmien u jilgħab, u *(serraħ rasek għaliex)* aħna nieħdu ħsiebu!"
13. Qal*(ilhom missierhom)*: "Tabilħaqq nitnikket li kellkom tmorru bih, u nibża' li jieklu xi lupu meta intom ma tkunux moħħkom fih *(minħabba l-logħob tagħkom)*."
14. Huma qalu: "Li kieku l-lupu kellu jieklu, meta aħna ġemgħa qawwija, mela *(inkunu)* tellifin *(aħna wkoll)*!"

فَلَمَّا ذَهَبُوا۟ بِهِۦ وَأَجْمَعُوٓا۟ أَن يَجْعَلُوهُ فِى غَيَٰبَتِ ٱلْجُبِّ ۚ وَأَوْحَيْنَآ
إِلَيْهِ لَتُنَبِّئَنَّهُم بِأَمْرِهِمْ هَٰذَا وَهُمْ لَا يَشْعُرُونَ ﴿15﴾ وَجَآءُوٓ
أَبَاهُمْ عِشَآءً يَبْكُونَ ﴿16﴾ قَالُوا۟ يَٰٓأَبَانَآ إِنَّا ذَهَبْنَا نَسْتَبِقُ
وَتَرَكْنَا يُوسُفَ عِندَ مَتَٰعِنَا فَأَكَلَهُ ٱلذِّئْبُ ۖ وَمَآ أَنتَ
بِمُؤْمِنٍ لَّنَا وَلَوْ كُنَّا صَٰدِقِينَ ﴿17﴾ وَجَآءُو عَلَىٰ قَمِيصِهِۦ
بِدَمٍ كَذِبٍ ۚ قَالَ بَلْ سَوَّلَتْ لَكُمْ أَنفُسُكُمْ أَمْرًا ۖ فَصَبْرٌ جَمِيلٌ ۖ
وَٱللَّهُ ٱلْمُسْتَعَانُ عَلَىٰ مَا تَصِفُونَ ﴿18﴾ وَجَآءَتْ سَيَّارَةٌ فَأَرْسَلُوا۟
وَارِدَهُمْ فَأَدْلَىٰ دَلْوَهُۥ ۖ قَالَ يَٰبُشْرَىٰ هَٰذَا غُلَٰمٌ ۚ وَأَسَرُّوهُ بِضَٰعَةً ۚ
وَٱللَّهُ عَلِيمٌۢ بِمَا يَعْمَلُونَ ﴿19﴾ وَشَرَوْهُ بِثَمَنٍۭ بَخْسٍ
دَرَٰهِمَ مَعْدُودَةٍ وَكَانُوا۟ فِيهِ مِنَ ٱلزَّٰهِدِينَ ﴿20﴾ وَقَالَ
ٱلَّذِى ٱشْتَرَىٰهُ مِن مِّصْرَ لِٱمْرَأَتِهِۦٓ أَكْرِمِى مَثْوَىٰهُ عَسَىٰٓ
أَن يَنفَعَنَآ أَوْ نَتَّخِذَهُۥ وَلَدًا ۚ وَكَذَٰلِكَ مَكَّنَّا لِيُوسُفَ فِى
ٱلْأَرْضِ وَلِنُعَلِّمَهُۥ مِن تَأْوِيلِ ٱلْأَحَادِيثِ ۚ وَٱللَّهُ غَالِبٌ عَلَىٰٓ
أَمْرِهِۦ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ ٱلنَّاسِ لَا يَعْلَمُونَ ﴿21﴾ وَلَمَّا بَلَغَ
أَشُدَّهُۥٓ ءَاتَيْنَٰهُ حُكْمًا وَعِلْمًا ۚ وَكَذَٰلِكَ نَجْزِى ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿22﴾

15. U meta marru bih, qablu lkoll li jqegħduh f'qiegħ il-ġiebja. U Aħna nebbaħnieh *(b'dan li ġej)*: "Tabilħaqq li *(jasal il-jum meta)* tħabbrilhom dan l-għemil *(ikrah)* tagħhom, meta huma ma jintebħux *(min int)*."
16. Imbagħad filgħaxija ġew jibku għand missierhom.
17. Qalu: "Missierna, aħna morna ntellqu, u ħallejna lil Ġużeppi ma' ħwejjiġna, u kielu l-lupu. M'intix se temminna, għalkemm qegħdin ngħidu s-sewwa."
18. U ġabu l-qmis tiegħu *(imċappsa)* b'demm falz. Qal*(ilhom)*: "Le, *(ma huwiex kif qegħdin tgħidu)*, iżda intom infuskom tħajjartu tagħmlu xi ħaġa. Is-sabar *(f'dan il-ħin ta' niket)* huwa xieraq, u mingħand Alla *(biss nitlob)* l-għajnuna *(dwar)* dan li qegħdin tgħidu."
19. U ġiet karovana u bagħtu *(lejn il-ġiebja)* lil min itella' l-ilma. Dendel il-barmil tiegħu *(u meta ra lil Ġużeppi mqabbad mal-ħabel, stagħġeb ħafna u)* qal: "Xi bxara tajba din! Dan tfajjel!" U ħbewh mal-merkanzija, u Alla kien jaf kollox b'dak li kienu qegħdin jagħmlu.
20. Huma bigħuh bi prezz irħis, xi ftit biċċiet tal-fidda, u qisuh li ma jiswiex wisq.
21. U l-Eġizzjan li xtrah qal lil martu: "Ġiblu ġieħ *(lil dan Ġużeppi)* waqt li qiegħed hawn *(magħna; min jaf)* jista' jkun ta' fejda għalina, jew inrabbuh qisu kien l-iben tagħna *(għaliex bqajna bla tfal)*." Hekk saħħaħna lil Ġużeppi fl-art *(ta' l-Eġittu)*, u biex ngħallmuh it-tifsir tal-ġrajjiet *(fil-ħolm)*. Alla għandu ħakma fuq kollox, iżda ħafna min-nies ma jafux *(dan)*.
22. Meta *(Ġużeppi)* kien fl-aħjar tiegħu *(ta' tletin sena)*, tajnieh id-dehen u l-għerf. Hekk inħallsu lil dawk li jagħmlu t-tajjeb.

وَرَٰوَدَتْهُ ٱلَّتِى هُوَ فِى بَيْتِهَا عَن نَّفْسِهِۦ وَغَلَّقَتِ ٱلْأَبْوَٰبَ
وَقَالَتْ هَيْتَ لَكَ ۚ قَالَ مَعَاذَ ٱللَّهِ ۖ إِنَّهُۥ رَبِّىٓ أَحْسَنَ مَثْوَاىَ ۖ
إِنَّهُۥ لَا يُفْلِحُ ٱلظَّٰلِمُونَ ﴿23﴾ وَلَقَدْ هَمَّتْ بِهِۦ ۖ وَهَمَّ بِهَا
لَوْلَآ أَن رَّءَا بُرْهَٰنَ رَبِّهِۦ ۚ كَذَٰلِكَ لِنَصْرِفَ عَنْهُ ٱلسُّوٓءَ
وَٱلْفَحْشَآءَ ۚ إِنَّهُۥ مِنْ عِبَادِنَا ٱلْمُخْلَصِينَ ﴿24﴾ وَٱسْتَبَقَا
ٱلْبَابَ وَقَدَّتْ قَمِيصَهُۥ مِن دُبُرٍ وَأَلْفَيَا سَيِّدَهَا لَدَا ٱلْبَابِ ۚ
قَالَتْ مَا جَزَآءُ مَنْ أَرَادَ بِأَهْلِكَ سُوٓءًا إِلَّآ أَن يُسْجَنَ أَوْ عَذَابٌ
أَلِيمٌ ﴿25﴾ قَالَ هِىَ رَٰوَدَتْنِى عَن نَّفْسِى ۚ وَشَهِدَ شَاهِدٌ مِّنْ
أَهْلِهَآ إِن كَانَ قَمِيصُهُۥ قُدَّ مِن قُبُلٍ فَصَدَقَتْ وَهُوَ مِنَ
ٱلْكَٰذِبِينَ ﴿26﴾ وَإِن كَانَ قَمِيصُهُۥ قُدَّ مِن دُبُرٍ فَكَذَبَتْ وَهُوَ
مِنَ ٱلصَّٰدِقِينَ ﴿27﴾ فَلَمَّا رَءَا قَمِيصَهُۥ قُدَّ مِن دُبُرٍ قَالَ إِنَّهُۥ
مِن كَيْدِكُنَّ ۖ إِنَّ كَيْدَكُنَّ عَظِيمٌ ﴿28﴾ يُوسُفُ أَعْرِضْ عَنْ
هَٰذَا ۚ وَٱسْتَغْفِرِى لِذَنۢبِكِ ۖ إِنَّكِ كُنتِ مِنَ ٱلْخَاطِـِٔينَ
﴿29﴾ ۞ وَقَالَ نِسْوَةٌ فِى ٱلْمَدِينَةِ ٱمْرَأَتُ ٱلْعَزِيزِ تُرَٰوِدُ فَتَىٰهَا
عَن نَّفْسِهِۦ ۖ قَدْ شَغَفَهَا حُبًّا ۖ إِنَّا لَنَرَىٰهَا فِى ضَلَٰلٍ مُّبِينٍ ﴿30﴾

ثلاثة أرباع الحزب 24

23. Iżda dik li *(Ġużeppi)* kien qiegħed f'darha *(il-mara ta' sidu l-Eġizzjan)* ippruvat twaqqgħu *(fid-dnub)*. Hija għalqet il-bibien u qalet: "Ejja!" Qal*(ilha Ġużeppi)*: "Alla ħares! Sidi *(li huwa żewġek)* laqagħni tajjeb għandu *(u m'iniex se nħallsu b'ħaġa kerha bħal din)*! Il-ħżiena ma joħorġux rebbiħin."

24. Hija xtaqitu *(b'qalbha kollha)*, u huwa *(ta' bniedem li kien)* kieku kien jixtieqha, li mhux għaliex ra l-prova ċara ta' Sidu *(li ħelsitu minn dak it-tiġrib kbir)*. Hekk *(għamilna biex)* inwarrbu minn fuqu l-ħażen u x-xewqat faħxija. Huwa tabilħaqq fost il-qaddejja leali *(u safjin)* tagħna.

25. Huma t-tnejn ġrew lejn il-bieb, *(huwa biex jaħrab minnha, u hija biex iżżommu ġewwa)*, u qattgħetlu l-qmis minn wara, *(u f'dak il-ħin)* sabu *(ma' wiċċhom)* lil sidha fil-bieb. Hija qalet: "X'għandu jkun il-ħlas ta' dak li ried id-deni lil martek, jekk mhux li jintefa' f'ħabs, jew *(jieħu)* kastig ta' wġigħ?"

26. Qal *(Ġużeppi)*: "Hija ppruvat twaqqagħni!" Wieħed minn niesha xehed u qal: "Jekk il-qmis tiegħu tqattgħet minn quddiem, mela hija qiegħda tgħid is-sewwa, u huwa mill-giddibin.

27. Iżda jekk il-qmis tiegħu tqattgħet minn wara, mela hija gidbet, u huwa minn dawk li jgħidu s-sewwa."

28. U meta *(sid Ġużeppi)* ra l-qmis tiegħu mqattgħa minn wara, qal: "Dan tabilħaqq *(ġej)* mill-qerq tagħkom in-nisa. Tassew kbir il-qerq tagħkom!

29. Ġużeppi, insa dan *(li ġara, u titkellem ma' ħadd dwaru)*! U inti *(mara)* itlob maħfra għal dnubek. Tabilħaqq li inti fost il-ħatjin."

30. Xi nisa fil-belt qalu: "Il-mara tal-kbir ippruvat twaqqa' lill-qaddej tagħha. Hija xegħlet bl-imħabba għalih. Aħna tabilħaqq qegħdin narawha f'telfien mill-aktar ċar."

فَلَمَّا سَمِعَتْ بِمَكْرِهِنَّ أَرْسَلَتْ إِلَيْهِنَّ وَأَعْتَدَتْ لَهُنَّ مُتَّكَـًٔا وَءَاتَتْ
كُلَّ وَٰحِدَةٍ مِّنْهُنَّ سِكِّينًا وَقَالَتِ ٱخْرُجْ عَلَيْهِنَّ ۖ فَلَمَّا رَأَيْنَهُۥٓ أَكْبَرْنَهُۥ
وَقَطَّعْنَ أَيْدِيَهُنَّ وَقُلْنَ حَٰشَ لِلَّهِ مَا هَٰذَا بَشَرًا إِنْ هَٰذَآ إِلَّا مَلَكٌ
كَرِيمٌ ﴿31﴾ قَالَتْ فَذَٰلِكُنَّ ٱلَّذِى لُمْتُنَّنِى فِيهِ ۖ وَلَقَدْ رَٰوَدتُّهُۥ عَن
نَّفْسِهِۦ فَٱسْتَعْصَمَ ۖ وَلَئِن لَّمْ يَفْعَلْ مَآ ءَامُرُهُۥ لَيُسْجَنَنَّ وَلَيَكُونًا
مِّنَ ٱلصَّٰغِرِينَ ﴿32﴾ قَالَ رَبِّ ٱلسِّجْنُ أَحَبُّ إِلَىَّ مِمَّا يَدْعُونَنِىٓ
إِلَيْهِ ۖ وَإِلَّا تَصْرِفْ عَنِّى كَيْدَهُنَّ أَصْبُ إِلَيْهِنَّ وَأَكُن مِّنَ ٱلْجَٰهِلِينَ
﴿33﴾ فَٱسْتَجَابَ لَهُۥ رَبُّهُۥ فَصَرَفَ عَنْهُ كَيْدَهُنَّ ۚ إِنَّهُۥ هُوَ ٱلسَّمِيعُ
ٱلْعَلِيمُ ﴿34﴾ ثُمَّ بَدَا لَهُم مِّنۢ بَعْدِ مَا رَأَوُا۟ ٱلْـَٔايَٰتِ لَيَسْجُنُنَّهُۥ
حَتَّىٰ حِينٍ ﴿35﴾ وَدَخَلَ مَعَهُ ٱلسِّجْنَ فَتَيَانِ ۖ قَالَ أَحَدُهُمَآ
إِنِّىٓ أَرَىٰنِىٓ أَعْصِرُ خَمْرًا ۖ وَقَالَ ٱلْءَاخَرُ إِنِّىٓ أَرَىٰنِىٓ أَحْمِلُ فَوْقَ
رَأْسِى خُبْزًا تَأْكُلُ ٱلطَّيْرُ مِنْهُ ۖ نَبِّئْنَا بِتَأْوِيلِهِۦٓ ۖ إِنَّا نَرَىٰكَ مِنَ
ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿36﴾ قَالَ لَا يَأْتِيكُمَا طَعَامٌ تُرْزَقَانِهِۦٓ إِلَّا نَبَّأْتُكُمَا
بِتَأْوِيلِهِۦ قَبْلَ أَن يَأْتِيَكُمَا ۚ ذَٰلِكُمَا مِمَّا عَلَّمَنِى رَبِّىٓ ۚ إِنِّى تَرَكْتُ
مِلَّةَ قَوْمٍ لَّا يُؤْمِنُونَ بِٱللَّهِ وَهُم بِٱلْءَاخِرَةِ هُمْ كَٰفِرُونَ ﴿37﴾

31. U meta semgħet it-tnassis tagħhom, hija bagħtet għalihom, ħejjitilhom fejn jintasbu *(għall-ikla)*, u tat lil kull waħda minnhom sikkina, u qalet *(lil Ġużeppi)*: "Oħroġ quddiemhom!" Meta rawh, faħħruh *(minħabba l-ġmiel tiegħu, u fid-dehxa li ħakmithom)* qatgħu idejhom, u qalu: "Alla ħarisna! Dan ma huwiex bniedem! Dan ma huwiex għajr anġlu mill-aqwa!"
32. Hija qalet: "Dak huwa li intom kontu tlumuni dwaru; ippruvajt inwaqqgħu, kontra r-rieda tiegħu, iżda żamm iebes. U jekk *(issa)* ma jagħmilx dak li ngħidlu, żgur li jintefa' fil-ħabs u jkun *(jitqies)* mal-baxxi!"
33. Huwa *(talab u)* qal: "Sidi, il-ħabs huwa egħżeż għalija minn dak li qegħdin isejħuli għalih, u jekk ma twarrabx minni l-qerq tagħhom, għandi mnejn inmil lejhom *(bix-xewqa tal-ġisem, ta' bniedem tad-demm u l-laħam li jien)*, u nkun fost l-injuranti."
34. U Sidu *(il-Mulej Alla)* semgħu *(fit-talb tiegħu)*, u warrab minnu l-qerq tagħhom. Huwa tabilħaqq li jisma' kollox u jaf kollox.
35. Imbagħad wara li *(l-Eġizzjani)* raw is-sinjali *(li Ġużeppi kien bla ħtija)* dehrilhom li *(ikun aħjar jekk)* jitfgħuh fil-ħabs għal xi żmien.
36. U miegħu fil-ħabs daħlu żewġ żgħażagħ, u wieħed minnhom qal: "Jiena rajt lili nnifsi *(f'ħolma)* nagħsar l-inbid," u l-ieħor qal: "Jiena rajt lili nnifsi *(f'ħolma)* inġorr xi ħobż fuq rasi, u t-tjur jieklu minnu. Ħabbrilna t-tifsira ta' dan, għaliex aħna tassew qegħdin naraw li inti minn dawk li jagħmlu t-tajjeb."
37. Huwa qal*(ilhom)*: "Ma jiġikomx ikel li jingħatalkom *(ta' kuljum)* li ma nħabbrilkomx x'inhu qabel ma jiġikom. Dan huwa minn dak *(l-għerf)* li għallimni Sidi. Jiena ħallejt it-twemmin *(falz)* ta' nies li ma jemmnux f'Alla u li jiċħdu *(il-Ħajja)* l-Oħra.

وَٱتَّبَعْتُ مِلَّةَ ءَابَآءِىٓ إِبْرَٰهِيمَ وَإِسْحَٰقَ وَيَعْقُوبَ ۚ مَا كَانَ
لَنَآ أَن نُّشْرِكَ بِٱللَّهِ مِن شَىْءٍ ۚ ذَٰلِكَ مِن فَضْلِ ٱللَّهِ عَلَيْنَا وَعَلَى
ٱلنَّاسِ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ ٱلنَّاسِ لَا يَشْكُرُونَ ﴿38﴾ يَٰصَٰحِبَىِ
ٱلسِّجْنِ ءَأَرْبَابٌ مُّتَفَرِّقُونَ خَيْرٌ أَمِ ٱللَّهُ ٱلْوَٰحِدُ ٱلْقَهَّارُ
﴿39﴾ مَا تَعْبُدُونَ مِن دُونِهِۦٓ إِلَّآ أَسْمَآءً سَمَّيْتُمُوهَآ أَنتُمْ
وَءَابَآؤُكُم مَّآ أَنزَلَ ٱللَّهُ بِهَا مِن سُلْطَٰنٍ ۚ إِنِ ٱلْحُكْمُ إِلَّا لِلَّهِ ۚ
أَمَرَ أَلَّا تَعْبُدُوٓا۟ إِلَّآ إِيَّاهُ ۚ ذَٰلِكَ ٱلدِّينُ ٱلْقَيِّمُ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ
ٱلنَّاسِ لَا يَعْلَمُونَ ﴿40﴾ يَٰصَٰحِبَىِ ٱلسِّجْنِ أَمَّآ أَحَدُكُمَا
فَيَسْقِى رَبَّهُۥ خَمْرًا ۖ وَأَمَّا ٱلْءَاخَرُ فَيُصْلَبُ فَتَأْكُلُ ٱلطَّيْرُ
مِن رَّأْسِهِۦ ۚ قُضِىَ ٱلْأَمْرُ ٱلَّذِى فِيهِ تَسْتَفْتِيَانِ ﴿41﴾ وَقَالَ لِلَّذِى
ظَنَّ أَنَّهُۥ نَاجٍ مِّنْهُمَا ٱذْكُرْنِى عِندَ رَبِّكَ فَأَنسَىٰهُ
ٱلشَّيْطَٰنُ ذِكْرَ رَبِّهِۦ فَلَبِثَ فِى ٱلسِّجْنِ بِضْعَ سِنِينَ
﴿42﴾ وَقَالَ ٱلْمَلِكُ إِنِّىٓ أَرَىٰ سَبْعَ بَقَرَٰتٍ سِمَانٍ يَأْكُلُهُنَّ
سَبْعٌ عِجَافٌ وَسَبْعَ سُنۢبُلَٰتٍ خُضْرٍ وَأُخَرَ يَابِسَٰتٍ ۖ
يَٰٓأَيُّهَا ٱلْمَلَأُ أَفْتُونِى فِى رُءْيَىَ إِن كُنتُمْ لِلرُّءْيَا تَعْبُرُونَ ﴿43﴾

38. Jiena nimxi fuq it-twemmin ta' missirijieti Abraham, Iżakk u Ġakobb *(li lkoll kienu Profeti ta' Alla)*. Aħna *(il-Mibgħutin tiegħu)* ma jixirqilna *(qatt)* inxierku xejn *(u lil ħadd)* ma' Alla. Dak minħabba t-tjieba ta' Alla fuqna *(li għażilna Profeti tiegħu)* u fuq in-nies *(l-oħra)*, iżda ħafna min-nies ma jiżżux ħajr.

39. Ja sħabi t-tnejn tal-ħabs, *(nixtieqkom tgħiduli jekk)* humiex aħjar ħafna *(allat u)* sidien maqsumin bejniethom, jew Alla, il-Wieħed, li jista' għal kollox.

40. Intom ma tqimux, minfloku, ħlief ismijiet *(fiergħa)* li intom u missirijietkom semmejtu, u li Alla ma kien niżżel ebda setgħa għalihom. Il-Ġudizzju huwa ta' Alla biss. Huwa amar li ma tqimux għajr lilu. Dan huwa d-din tas-sewwa, iżda ħafna min-nies ma jafux.

41. Ja sħabi t-tnejn tal-ħabs, wieħed minnkom it-tnejn *(se joħroġ qawwi u sħiħ mill-ħabs u)* se *(jerġa' jibda)* jisqi l-inbid lil Sidu, iżda l-ieħor se jissallab, u t-tjur se jieklu minn rasu. *(Hekk)* inqatgħet il-kwistjoni li qegħdin tistaqsu dwarha."

42. U *(Ġużeppi)* qal lil dak minnhom it-tnejn li kien jaf li kien ħieles *(mill-mewt)*: "Semmini ma' sidek *(is-sultan, meta toħroġ mill-ħabs, forsi jiena wkoll noħroġ minn hawn ġew)*." Iżda x-Xitan nessieh li kellu jsemmih ma' sidu, u *(Ġużeppi)* baqa' fil-ħabs għal xi snin *(oħra)*.

43. Is-sultan *(ta' l-Eġittu)* qal: "Jiena rajt *(f'ħolma)* seba' baqriet smien jikluhom seba' *(baqriet)* magħluba, u seba' sbuliet ħodor u *(sebgħa)* oħra niexfa. Ja kbarat *(tiegħi)*, fissruli dan li rajt fil-ħolma tiegħi, jekk tassew tafu tfissru l-ħolm."

قَالُوٓا۟ أَضْغَٰثُ أَحْلَٰمٍ ۖ وَمَا نَحْنُ بِتَأْوِيلِ ٱلْأَحْلَٰمِ بِعَٰلِمِينَ ﴿44﴾
وَقَالَ ٱلَّذِى نَجَا مِنْهُمَا وَٱدَّكَرَ بَعْدَ أُمَّةٍ أَنَا۠ أُنَبِّئُكُم بِتَأْوِيلِهِۦ
فَأَرْسِلُونِ ﴿45﴾ يُوسُفُ أَيُّهَا ٱلصِّدِّيقُ أَفْتِنَا فِى سَبْعِ بَقَرَٰتٍ
سِمَانٍ يَأْكُلُهُنَّ سَبْعٌ عِجَافٌ وَسَبْعِ سُنۢبُلَٰتٍ خُضْرٍ
وَأُخَرَ يَابِسَٰتٍ لَّعَلِّىٓ أَرْجِعُ إِلَى ٱلنَّاسِ لَعَلَّهُمْ يَعْلَمُونَ ﴿46﴾ قَالَ
تَزْرَعُونَ سَبْعَ سِنِينَ دَأَبًا فَمَا حَصَدتُّمْ فَذَرُوهُ فِى سُنۢبُلِهِۦٓ إِلَّا
قَلِيلًا مِّمَّا تَأْكُلُونَ ﴿47﴾ ثُمَّ يَأْتِى مِنۢ بَعْدِ ذَٰلِكَ سَبْعٌ شِدَادٌ يَأْكُلْنَ
مَا قَدَّمْتُمْ لَهُنَّ إِلَّا قَلِيلًا مِّمَّا تُحْصِنُونَ ﴿48﴾ ثُمَّ يَأْتِى مِنۢ بَعْدِ ذَٰلِكَ
عَامٌ فِيهِ يُغَاثُ ٱلنَّاسُ وَفِيهِ يَعْصِرُونَ ﴿49﴾ وَقَالَ ٱلْمَلِكُ ٱئْتُونِى
بِهِۦ ۖ فَلَمَّا جَآءَهُ ٱلرَّسُولُ قَالَ ٱرْجِعْ إِلَىٰ رَبِّكَ فَسْـَٔلْهُ مَا بَالُ
ٱلنِّسْوَةِ ٱلَّٰتِى قَطَّعْنَ أَيْدِيَهُنَّ ۚ إِنَّ رَبِّى بِكَيْدِهِنَّ عَلِيمٌ ﴿50﴾ قَالَ
مَا خَطْبُكُنَّ إِذْ رَٰوَدتُّنَّ يُوسُفَ عَن نَّفْسِهِۦ ۚ قُلْنَ حَٰشَ لِلَّهِ
مَا عَلِمْنَا عَلَيْهِ مِن سُوٓءٍ ۚ قَالَتِ ٱمْرَأَتُ ٱلْعَزِيزِ ٱلْـَٰٔنَ حَصْحَصَ
ٱلْحَقُّ أَنَا۠ رَٰوَدتُّهُۥ عَن نَّفْسِهِۦ وَإِنَّهُۥ لَمِنَ ٱلصَّٰدِقِينَ ﴿51﴾ ذَٰلِكَ
لِيَعْلَمَ أَنِّى لَمْ أَخُنْهُ بِٱلْغَيْبِ وَأَنَّ ٱللَّهَ لَا يَهْدِى كَيْدَ ٱلْخَآئِنِينَ ﴿52﴾

44. Qalu*(lu)*: "Taħwida sħiħa ta' ħolm *(li ma jfisser xejn)*! Aħna ma nafux kif infissru l-ħolm."

45. Dak *(iż-żagħżugħ)* miż-żewġ *(ħbieb ta' Ġużeppi)* li kien ħeles *(mill-ħabs)*, u li wara xi żmien kien ftakar *(f'dak li talbu Ġużeppi)*, qal*(ilhom)*: "Jiena nħabbrilkom it-tifsira ta' dan *(li s-sultan ra fil-ħolm)*. Ibagħtuni *(fil-ħabs għand Ġużeppi)*!"

46. *(Fil-ħabs, huwa qal:)* "Ġużeppi, ja bniedem tas-sewwa, fissrilna *(din il-ħolma dwar)* seba' baqriet smien li jikluhom seba' baqriet magħlubin, u seba' sbuliet ħodor u *(sebgħa)* oħra niexfa. B'hekk inkun nista' mmur lura għand in-nies *(tiegħi)*, biex forsi jsiru jafu."

47. Qal *(Ġużeppi)*: "Għal seba' snin tiżirgħu bla waqfien, u dak li taħsdu ħalluh fis-sbul tiegħu *(biex ma jsewwisx)*, għajr għal ftit minnu biex tieklu *(issa minnu)*.

48. Imbagħad wara dan jiġu seba' snin ibsin *(ta' nixfa kbira)*, li jieklu dak kollu li kontu rfajtu għalihom, għajr għal ftit li żżommu maħżun *(biex terġgħu tiżirgħuh)*.

49. Imbagħad tiġi, wara dan, sena li matulha n-nies ikollhom l-ilma *(kotran)*, u matulha *(ukoll)* jagħsru *(iż-żejt u l-għeneb)*."

50. Qal is-sultan: "Ġibuhuli *(lil Ġużeppi)*!" Iżda meta l-mibgħut *(tas-sultan)* ġie għandu, *(Ġużeppi)* qal*(lu)*: "Erġa' lura għand sidek u staqsih x'ġara min-nisa li kienu qatgħu idejhom. Sidi tabilħaqq jaf tajjeb bil-qerq tagħhom."

51. Qal *(is-sultan lil dawk in-nisa)*: "X'kienet din tagħkom, meta ppruvajtu twaqqgħu lil Ġużeppi?" Qalu: "Alla ħarisna! Aħna ma rajna ebda deni minnu!" Il-mara tal-kbir qalet: "Issa deher is-sewwa! Kont jiena li ppruvajt inwaqqgħu, u huwa tabilħaqq minn dawk li jgħidu u jagħmlu s-sewwa!"

52. *(Imbagħad Ġużeppi qal: "Qiegħed ngħid)* dan biex *(sidi)* ikun jaf li jiena ma ttradejtux bil-moħbi, u li Alla ma jġibx 'il quddiem il-qerq tat-traduturi.

الجزء 13
الحزب 25

۞ وَمَآ أُبَرِّئُ نَفْسِىٓ ۚ إِنَّ ٱلنَّفْسَ لَأَمَّارَةٌۢ بِٱلسُّوٓءِ إِلَّا مَا رَحِمَ
رَبِّىٓ ۚ إِنَّ رَبِّى غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿53﴾ وَقَالَ ٱلْمَلِكُ ٱئْتُونِى بِهِۦٓ أَسْتَخْلِصْهُ
لِنَفْسِى ۖ فَلَمَّا كَلَّمَهُۥ قَالَ إِنَّكَ ٱلْيَوْمَ لَدَيْنَا مَكِينٌ أَمِينٌ ﴿54﴾ قَالَ
ٱجْعَلْنِى عَلَىٰ خَزَآئِنِ ٱلْأَرْضِ ۖ إِنِّى حَفِيظٌ عَلِيمٌ ﴿55﴾ وَكَذَٰلِكَ
مَكَّنَّا لِيُوسُفَ فِى ٱلْأَرْضِ يَتَبَوَّأُ مِنْهَا حَيْثُ يَشَآءُ ۚ نُصِيبُ
بِرَحْمَتِنَا مَن نَّشَآءُ ۖ وَلَا نُضِيعُ أَجْرَ ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿56﴾ وَلَأَجْرُ
ٱلْءَاخِرَةِ خَيْرٌ لِّلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَكَانُوا۟ يَتَّقُونَ ﴿57﴾ وَجَآءَ إِخْوَةُ
يُوسُفَ فَدَخَلُوا۟ عَلَيْهِ فَعَرَفَهُمْ وَهُمْ لَهُۥ مُنكِرُونَ ﴿58﴾ وَلَمَّا
جَهَّزَهُم بِجَهَازِهِمْ قَالَ ٱئْتُونِى بِأَخٍ لَّكُم مِّنْ أَبِيكُمْ ۚ أَلَا تَرَوْنَ
أَنِّىٓ أُوفِى ٱلْكَيْلَ وَأَنَا۠ خَيْرُ ٱلْمُنزِلِينَ ﴿59﴾ فَإِن لَّمْ تَأْتُونِى بِهِۦ فَلَا
كَيْلَ لَكُمْ عِندِى وَلَا تَقْرَبُونِ ﴿60﴾ قَالُوا۟ سَنُرَٰوِدُ عَنْهُ أَبَاهُ
وَإِنَّا لَفَٰعِلُونَ ﴿61﴾ وَقَالَ لِفِتْيَٰنِهِ ٱجْعَلُوا۟ بِضَٰعَتَهُمْ فِى رِحَالِهِمْ
لَعَلَّهُمْ يَعْرِفُونَهَآ إِذَا ٱنقَلَبُوٓا۟ إِلَىٰٓ أَهْلِهِمْ لَعَلَّهُمْ يَرْجِعُونَ
﴿62﴾ فَلَمَّا رَجَعُوٓا۟ إِلَىٰٓ أَبِيهِمْ قَالُوا۟ يَٰٓأَبَانَا مُنِعَ مِنَّا ٱلْكَيْلُ
فَأَرْسِلْ مَعَنَآ أَخَانَا نَكْتَلْ وَإِنَّا لَهُۥ لَحَٰفِظُونَ ﴿63﴾

53. Jiena ma neħlisx lili nnifsi mill-ħtija. Ir-ruħ tassew tamar *(lill-bniedem)* ħafna l-ħażen, ħlief dik ir-ruħ li jħenn *(għaliha)* Sidi *(il-Mulej)*. Sidi tabilħaqq Kollu Maħfra u Ħanin."

54. U qal is-sultan: "Ġibuhuli! Inżommu għalija nnifsi!" U meta *(Ġużeppi)* kellmu, qal*(lu s-sultan)*: "Inti llum tabilħaqq tinsab għandna, fis-sod u fdat."

55. Qal *(Ġużeppi)*: "Qegħedni fuq l-imħażen ta' l-art *(kollha ta' l-Eġittu)*. Jiena naf inħarishom."

56. Hekk saħħaħna lil Ġużeppi fl-art *(ta' l-Eġittu bis-setgħa u bil-ġieħ)*, biex jgħix kull fejn irid fiha. Aħna nagħtu l-ħniena tagħna lil min irridu, u m'Aħniex se ntellfu l-ħlas ta' dawk li jagħmlu t-tajjeb.

57. Tassew li l-ħlas ta' l-Oħra *(tal-Ħajja l-Oħra)* huwa l-aħjar għal dawk li jemmnu u jibżgħu minn Alla.

58. U ġew ħut Ġużeppi, daħlu quddiemu u hu għarafhom, iżda huma ma għarfuhx.

59. U meta tahom dak li kienu jeħtieġu, qal*(ilhom)*: "Ġibuli lil *(Benjamin)* ħukom minn missierkom *(iżda minn omm oħra)*! Mela ma tarawx li jiena nagħti kejl tajjeb, u li jiena l-aħjar fost dawk li jilqgħu n-nies għandhom?

60. Jekk ma ġġibuhulix, *(mil-lum 'il quddiem)* ma jkollkom mingħandi ebda kejl *(ta' qamħ)*, u lanqas toqorbu lejja!"

61. Qalu *(l-aħwa)*: "Se naraw kif nikkonvinċu lil missieru *(b'xi mod jew ieħor)* dwaru. Dan tabilħaqq nagħmluh!"

62. U *(Ġużeppi)* qal lill-qaddejja tiegħu: "Qiegħdu l-merkanzija tagħhom *(li ġabu magħhom biex jibdluha ma' l-ikel)* fil-ħorġiet tagħhom! Għandhom imnejn jagħrfuha meta jmorru lura għand nieshom, biex forsi jerġgħu lura *(hawn fl-Eġittu)*."

63. U meta reġgħu lura għand missierhom, *(qabel ma fetħu l-ħorġiet)* qalu: "Missierna, *(jekk m'aħniex se nieħdu magħna lil ħuna Benjamin fl-Eġittu)*, se niċċaħħdu mill-kejl *(tal-qamħ u se nibqgħu b'xejn)*. Għalhekk ibgħat magħna lil ħuna *(Benjamin)* biex nieħdu l-kejl tagħna, *(u serraħ rasek)* għaliex aħna tassew nieħdu ħsiebu."

قَالَ هَلْ ءَامَنُكُمْ عَلَيْهِ إِلَّا كَمَآ أَمِنتُكُمْ عَلَىٰٓ أَخِيهِ مِن
قَبْلُ ۖ فَٱللَّهُ خَيْرٌ حَٰفِظًا ۖ وَهُوَ أَرْحَمُ ٱلرَّٰحِمِينَ ﴿64﴾ وَلَمَّا فَتَحُوا۟
مَتَٰعَهُمْ وَجَدُوا۟ بِضَٰعَتَهُمْ رُدَّتْ إِلَيْهِمْ ۖ قَالُوا۟ يَٰٓأَبَانَا
مَا نَبْغِى ۖ هَٰذِهِۦ بِضَٰعَتُنَا رُدَّتْ إِلَيْنَا ۖ وَنَمِيرُ أَهْلَنَا وَنَحْفَظُ
أَخَانَا وَنَزْدَادُ كَيْلَ بَعِيرٍ ۖ ذَٰلِكَ كَيْلٌ يَسِيرٌ ﴿65﴾ قَالَ لَنْ
أُرْسِلَهُۥ مَعَكُمْ حَتَّىٰ تُؤْتُونِ مَوْثِقًا مِّنَ ٱللَّهِ لَتَأْتُنَّنِى بِهِۦٓ إِلَّآ
أَن يُحَاطَ بِكُمْ ۖ فَلَمَّآ ءَاتَوْهُ مَوْثِقَهُمْ قَالَ ٱللَّهُ عَلَىٰ مَا نَقُولُ وَكِيلٌ
﴿66﴾ وَقَالَ يَٰبَنِىَّ لَا تَدْخُلُوا۟ مِنۢ بَابٍ وَٰحِدٍ وَٱدْخُلُوا۟ مِنْ أَبْوَٰبٍ
مُّتَفَرِّقَةٍ ۖ وَمَآ أُغْنِى عَنكُم مِّنَ ٱللَّهِ مِن شَىْءٍ ۖ إِنِ ٱلْحُكْمُ إِلَّا
لِلَّهِ ۖ عَلَيْهِ تَوَكَّلْتُ ۖ وَعَلَيْهِ فَلْيَتَوَكَّلِ ٱلْمُتَوَكِّلُونَ ﴿67﴾ وَلَمَّا
دَخَلُوا۟ مِنْ حَيْثُ أَمَرَهُمْ أَبُوهُم مَّا كَانَ يُغْنِى عَنْهُم
مِّنَ ٱللَّهِ مِن شَىْءٍ إِلَّا حَاجَةً فِى نَفْسِ يَعْقُوبَ قَضَىٰهَا ۚ وَإِنَّهُۥ
لَذُو عِلْمٍ لِّمَا عَلَّمْنَٰهُ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ ٱلنَّاسِ لَا يَعْلَمُونَ
﴿68﴾ وَلَمَّا دَخَلُوا۟ عَلَىٰ يُوسُفَ ءَاوَىٰٓ إِلَيْهِ أَخَاهُ ۖ قَالَ
إِنِّىٓ أَنَا۠ أَخُوكَ فَلَا تَبْتَئِسْ بِمَا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ ﴿69﴾

64. Qal *(missierhom Ġakobb)*: "Nafdakom bih bħalma qabel kont fdajtkom b'ħuh *(Ġużeppi)*? Iżda Alla huwa l-Aħjar li jieħu ħsieb *(il-bnedmin)*, u Huwa l-Aktar Ħanin fost dawk li jħennu."

65. U meta fetħu s-soror tagħhom sabu li l-merkanzija tagħhom *(li kienu ħadu magħhom)* intraddet lilhom, u qalu: "Missierna, xi rridu *(aktar minn hekk)*? Din il-merkanzija tagħna ntraddet lilna *(mingħajr ma nafu kif, u issa nistgħu)* niksbu ikel *(ieħor)* għal niesna, nieħdu ħsieb ħuna, u niżdiedu *(fil-qmuħ u fl-ikel)* daqs tagħbija ta' ġemel. Dan huwa *(tassew)* kejl ħafif *(biex inġibuh)*."

66. *(Ġakobb)* qal: "Ma nibagħtux *(lil Benjamin)* magħkom qabel ma taħilfuli quddiem Alla li ġġibuhuli lura, għajr jekk *(intom stess)* tkunu mdawra *(mill-għedewwa u tingħelbu)*." U meta ħalfulu, qal: "Alla jixhed għal dan li ngħidu!"

67. U qal *(missierhom Ġakobb)*: "Ja wliedi, la tidħlux minn bieb wieħed, iżda idħlu minn bosta bibien *(biex ma tolqotkomx għajn ħażina)*. Jiena ma niswielkom xejn quddiem Alla. Il-ħaqq huwa biss ta' Alla, u jiena ħallejt f'idejh. U ħa jħallu f'idejh dawk *(kollha)* li jafdaw *(f'xi ħadd)*!"

68. U meta daħlu minn fejn kien amrilhom missierhom, *(dan)* ma kien swielhom xejn quddiem Alla, u *(il-kliem li kien qalilhom missierhom kien)* biss ħtieġa ta' Ġakobb innifsu *(li xtaq li ma jiġri xejn lil uliedu, u issa dik il-ħtieġa)* kien qdieha. Huwa tabilħaqq kellu l-għarfien minħabba dak li għallimnieh *(bit-tnebbiħ tagħna)*, iżda ħafna min-nies ma jafux.

69. U meta daħlu quddiem Ġużeppi, laqa' għandu lil ħuh *(Benjamin)* u qal*(lu mingħajr ma semgħuh l-aħwa l-oħra)*: "Jiena tabilħaqq ħuk, u la titnikkitx b'dak li *(ħutna)* kienu jagħmlu*(lna)*."

فَلَمَّا جَهَّزَهُم بِجَهَازِهِمْ جَعَلَ ٱلسِّقَايَةَ فِى رَحْلِ أَخِيهِ ثُمَّ
أَذَّنَ مُؤَذِّنٌ أَيَّتُهَا ٱلْعِيرُ إِنَّكُمْ لَسَٰرِقُونَ ﴿70﴾ قَالُوا۟ وَأَقْبَلُوا۟
عَلَيْهِم مَّاذَا تَفْقِدُونَ ﴿71﴾ قَالُوا۟ نَفْقِدُ صُوَاعَ ٱلْمَلِكِ
وَلِمَن جَآءَ بِهِۦ حِمْلُ بَعِيرٍ وَأَنَا۠ بِهِۦ زَعِيمٌ ﴿72﴾ قَالُوا۟ تَٱللَّهِ
لَقَدْ عَلِمْتُم مَّا جِئْنَا لِنُفْسِدَ فِى ٱلْأَرْضِ وَمَا كُنَّا سَٰرِقِينَ
﴿73﴾ قَالُوا۟ فَمَا جَزَٰٓؤُهُۥٓ إِن كُنتُمْ كَٰذِبِينَ ﴿74﴾ قَالُوا۟ جَزَٰٓؤُهُۥ
مَن وُجِدَ فِى رَحْلِهِۦ فَهُوَ جَزَٰٓؤُهُۥ كَذَٰلِكَ نَجْزِى ٱلظَّٰلِمِينَ
﴿75﴾ فَبَدَأَ بِأَوْعِيَتِهِمْ قَبْلَ وِعَآءِ أَخِيهِ ثُمَّ ٱسْتَخْرَجَهَا مِن
وِعَآءِ أَخِيهِ كَذَٰلِكَ كِدْنَا لِيُوسُفَ مَا كَانَ لِيَأْخُذَ أَخَاهُ
فِى دِينِ ٱلْمَلِكِ إِلَّآ أَن يَشَآءَ ٱللَّهُ نَرْفَعُ دَرَجَٰتٍ مَّن نَّشَآءُ
وَفَوْقَ كُلِّ ذِى عِلْمٍ عَلِيمٌ ﴿76﴾ قَالُوٓا۟ إِن يَسْرِقْ
فَقَدْ سَرَقَ أَخٌ لَّهُۥ مِن قَبْلُ فَأَسَرَّهَا يُوسُفُ فِى نَفْسِهِۦ
وَلَمْ يُبْدِهَا لَهُمْ قَالَ أَنتُمْ شَرٌّ مَّكَانًا وَٱللَّهُ أَعْلَمُ بِمَا
تَصِفُونَ ﴿77﴾ قَالُوا۟ يَٰٓأَيُّهَا ٱلْعَزِيزُ إِنَّ لَهُۥٓ أَبًا شَيْخًا كَبِيرًا
فَخُذْ أَحَدَنَا مَكَانَهُۥٓ إِنَّا نَرَىٰكَ مِنَ ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿78﴾

ربع الحزب 25

70. U meta tahom dak li kienu jeħtieġu, huwa qiegħed it-tazza fil-ħorġa ta' ħuh *(Benjamin)*. U dak li *(xogħlu kien li)* isejjaħ, għajjat *(dan il-kliem)*: "Intom tal-karovana, intom tassew ħallelin!"

71. Qalu *(l-aħwa)*, filwaqt li daru lejhom: "Xi tliftu?"

72. Qalu *(il-qaddejja Eġizzjani)*: "Tlifna t-tazza tas-sultan." U *(Ġużeppi qal)*: "Min iġibha *(lura)*, jingħata b'tagħbija ta' ġemel *(fi qmuħ u ikel)*, u Jiena marbut b'dan *(li qiegħed inwiegħed)*."

73. Qalu *(l-aħwa)*: "Fuq Alla! Intom tafu li ma ġejniex biex nagħmlu ħsara fl-art, u li m'aħniex ħallelin."

74. *(L-Eġizzjani)* qalu: "Xi jkun il-ħlas ta' dak *(l-għemil)*, jekk *(jinsab li)* intom giddibin?"

75. Qalu *(l-aħwa)*: "Il-ħlas ta' dak li *(it-tazza)* tinsab fil-ħorġa tiegħu *(ikun li)* huwa *(stess jinżamm maqbud)* bħala kumpens. Hekk inħallsu lill-ħżiena *(skond il-liġi tagħna)*."

76. Għalhekk *(Ġużeppi)* beda *(ifittex)* fis-soror tagħhom qabel *(ma fittex)* fis-sorra ta' ħuh *(Benjamin)*, imbagħad ħariġha mis-sorra ta' ħuh. Hekk fassalna l-pjan tagħna għal Ġużeppi *(biex iżomm lil ħuh miegħu)*. Huwa ma kienx jista' jaqbad lil ħuh bil-liġi tas-sultan, ħlief jekk Alla ried *(li dan iseħħ)*. Aħna ngħollu fi gradi *(ta' għerf u ġieħ)* lil min irridu, u fuq kull bniedem ta' għarfien hemm Dak li jaf kollox.

77. Qalu: "Jekk seraq, *(din ma hijiex xi ħaġa stramba għaliex)* wieħed minn ħutu kien seraq qabel *(u mingħalihom li kien Ġużeppi)*." Iżda Ġużeppi żamm *(dan kollu)* mistur fih innifsu u ma wrihulhomx. Huwa qal *(bejnu u bejn ruħu, filwaqt li ftakar f'dak li ħutu kienu għamlulu fl-imgħoddi)*: "Intom tinsabu f'qagħda agħar *(minn hekk)*, u Alla jaf l-aktar b'dak li qegħdin tgħidu *(u tħarrfu)*."

78. Qalu: "Ja ħakem, *(kun af li)* missieru xiħ ħafna. Mela ħu wieħed minna minfloku! Aħna tabilħaqq naraw li inti minn dawk li jagħmlu t-tajjeb."

قَالَ مَعَاذَ ٱللَّهِ أَن نَّأۡخُذَ إِلَّا مَن وَجَدۡنَا مَتَٰعَنَا عِندَهُۥٓ إِنَّآ
إِذٗا لَّظَٰلِمُونَ ﴿79﴾ فَلَمَّا ٱسۡتَيۡـَٔسُواْ مِنۡهُ خَلَصُواْ نَجِيّٗاۖ
قَالَ كَبِيرُهُمۡ أَلَمۡ تَعۡلَمُوٓاْ أَنَّ أَبَاكُمۡ قَدۡ أَخَذَ عَلَيۡكُم
مَّوۡثِقٗا مِّنَ ٱللَّهِ وَمِن قَبۡلُ مَا فَرَّطتُمۡ فِي يُوسُفَۖ فَلَنۡ أَبۡرَحَ
ٱلۡأَرۡضَ حَتَّىٰ يَأۡذَنَ لِيٓ أَبِيٓ أَوۡ يَحۡكُمَ ٱللَّهُ لِيۖ وَهُوَ خَيۡرُ ٱلۡحَٰكِمِينَ
﴿80﴾ ٱرۡجِعُوٓاْ إِلَىٰٓ أَبِيكُمۡ فَقُولُواْ يَٰٓأَبَانَآ إِنَّ ٱبۡنَكَ سَرَقَ
وَمَا شَهِدۡنَآ إِلَّا بِمَا عَلِمۡنَا وَمَا كُنَّا لِلۡغَيۡبِ حَٰفِظِينَ
﴿81﴾ وَسۡـَٔلِ ٱلۡقَرۡيَةَ ٱلَّتِي كُنَّا فِيهَا وَٱلۡعِيرَ ٱلَّتِيٓ أَقۡبَلۡنَا فِيهَاۖ
وَإِنَّا لَصَٰدِقُونَ ﴿82﴾ قَالَ بَلۡ سَوَّلَتۡ لَكُمۡ أَنفُسُكُمۡ أَمۡرٗاۖ
فَصَبۡرٞ جَمِيلٌۖ عَسَى ٱللَّهُ أَن يَأۡتِيَنِي بِهِمۡ جَمِيعًاۚ إِنَّهُۥ هُوَ
ٱلۡعَلِيمُ ٱلۡحَكِيمُ ﴿83﴾ وَتَوَلَّىٰ عَنۡهُمۡ وَقَالَ يَٰٓأَسَفَىٰ عَلَىٰ
يُوسُفَ وَٱبۡيَضَّتۡ عَيۡنَاهُ مِنَ ٱلۡحُزۡنِ فَهُوَ كَظِيمٞ ﴿84﴾
قَالُواْ تَٱللَّهِ تَفۡتَؤُاْ تَذۡكُرُ يُوسُفَ حَتَّىٰ تَكُونَ حَرَضًا
أَوۡ تَكُونَ مِنَ ٱلۡهَٰلِكِينَ ﴿85﴾ قَالَ إِنَّمَآ أَشۡكُواْ بَثِّي
وَحُزۡنِيٓ إِلَى ٱللَّهِ وَأَعۡلَمُ مِنَ ٱللَّهِ مَا لَا تَعۡلَمُونَ ﴿86﴾

79. Qal *(Ġużeppi)*: "Alla ħares nieħdu *(u nżommu maqbud)* ħlief lil dak li għandu sibna ħwejjiġna *(it-tazza tas-sultan, għaliex)* inkella nkunu tabilħaqq inġusti."

80. Meta qatgħu jieshom minnu, warrbu *(minn ħdejn Ġużeppi)* biex jitħaddtu bejniethom *(dwar x'kellu jsir)*, u l-kbir fosthom (*Ġuda*) qal: "Mela ma tafux li missierkom ħa l-kelma tagħkom quddiem Alla u kif, qabel *(ma seħħ dan, kontu diġà)* inqastu*(h)* minħabba *(dak li għamiltu lil)* Ġużeppi. Għalhekk m'iniex se nħalli *(din)* l-art qabel ma missieri jħallini *(nagħmel dan)*, jew *(inkella)* Alla jaqtagħha għalija *(x'se jsir minni)*. Huwa l-Aħjar fost l-imħallfin!

81. Erġgħu lura għand missierkom u għidu*(lu)*: 'Missierna, tassew li ibnek seraq, u ma nixhdux għajr għal dak li sirna nafu. U *(meta tajniek kelmitna)* lanqas ma stajna nkunu nafu l-mistur *(u ma konniex nafu li Benjamin se jisraq)*.

82. Staqsi fil-belt li konna fiha, u l-karovana li ġejna magħha, *(u tara)* li aħna tabilħaqq qegħdin ngħidu s-sewwa.'"

83. Qal *(Ġakobb)*: "Le, *(mhux kif qegħdin tgħidu)*, iżda intom infuskom tħajjartu tagħmlu ħaġa *(ħażina bħal din)*. Is-sabar xieraq *(għalija f'dan il-ħin ta' niket)*. Għandu mnejn Alla jġibhomli lkoll *(lil uliedi Ġużeppi, Benjamin u Ġuda)*. Huwa tabilħaqq jaf kollox u Għaref."

84. U telaqhom *(mgħaddab u mnikket għall-aħħar)* u qal: "X'għali għandi għal Ġużeppi!" U għajnejh bjadu bin-niket *(u bil-biki bla waqfien, hekk li ma baqax jara)* u għamel wisq f'qalbu.

85. Qalu: "Fuq Alla! Mela m'inti se tieqaf *(qatt)* tiftakar f'Ġużeppi, sa ma tinfena bil-mard, jew tkun mill-meqrudin?"

86. Qal *(Ġakobb)*: "Qiegħed biss nuri d-diqa u n-niket tiegħi lil Alla, u jiena naf minn Alla dak li ma tafux.

يَٰبَنِيَّ ٱذْهَبُوا۟ فَتَحَسَّسُوا۟ مِن يُوسُفَ وَأَخِيهِ وَلَا تَا۟يْـَٔسُوا۟
مِن رَّوْحِ ٱللَّهِ ۖ إِنَّهُۥ لَا يَا۟يْـَٔسُ مِن رَّوْحِ ٱللَّهِ إِلَّا ٱلْقَوْمُ ٱلْكَٰفِرُونَ
(87) فَلَمَّا دَخَلُوا۟ عَلَيْهِ قَالُوا۟ يَٰٓأَيُّهَا ٱلْعَزِيزُ مَسَّنَا وَأَهْلَنَا ٱلضُّرُّ
وَجِئْنَا بِبِضَٰعَةٍ مُّزْجَىٰةٍ فَأَوْفِ لَنَا ٱلْكَيْلَ وَتَصَدَّقْ عَلَيْنَآ ۖ
إِنَّ ٱللَّهَ يَجْزِى ٱلْمُتَصَدِّقِينَ (88) قَالَ هَلْ عَلِمْتُم مَّا فَعَلْتُم
بِيُوسُفَ وَأَخِيهِ إِذْ أَنتُمْ جَٰهِلُونَ (89) قَالُوٓا۟ أَءِنَّكَ
لَأَنتَ يُوسُفُ ۖ قَالَ أَنَا۠ يُوسُفُ وَهَٰذَآ أَخِى ۖ قَدْ مَنَّ ٱللَّهُ
عَلَيْنَآ ۖ إِنَّهُۥ مَن يَتَّقِ وَيَصْبِرْ فَإِنَّ ٱللَّهَ لَا يُضِيعُ أَجْرَ
ٱلْمُحْسِنِينَ (90) قَالُوا۟ تَٱللَّهِ لَقَدْ ءَاثَرَكَ ٱللَّهُ عَلَيْنَا
وَإِن كُنَّا لَخَٰطِـِٔينَ (91) قَالَ لَا تَثْرِيبَ عَلَيْكُمُ
ٱلْيَوْمَ ۖ يَغْفِرُ ٱللَّهُ لَكُمْ ۖ وَهُوَ أَرْحَمُ ٱلرَّٰحِمِينَ (92)
ٱذْهَبُوا۟ بِقَمِيصِى هَٰذَا فَأَلْقُوهُ عَلَىٰ وَجْهِ أَبِى يَأْتِ بَصِيرًا
وَأْتُونِى بِأَهْلِكُمْ أَجْمَعِينَ (93) وَلَمَّا فَصَلَتِ
ٱلْعِيرُ قَالَ أَبُوهُمْ إِنِّى لَأَجِدُ رِيحَ يُوسُفَ ۖ لَوْلَآ أَن
تُفَنِّدُونِ (94) قَالُوا۟ تَٱللَّهِ إِنَّكَ لَفِى ضَلَٰلِكَ ٱلْقَدِيمِ (95)

87. Uliedi, morru u fittxu lil Ġużeppi u lil ħuh, u taqtgħux jieskom mit-tjieba u mill-ħniena ta' Alla. Tabilħaqq li ħadd ma jaqta' jiesu mit-tjieba u mill-ħniena ta' Alla għajr dawk li ma jemmnux."

88. U meta *(l-aħwa waslu għand Ġużeppi u)* daħlu quddiemu, qalu: "Ja ħakem, il-ħsara messet lilna u lil niesna *(minħabba l-ġuħ u n-nixfa f'artna, hekk li issa)* ftit li xejn ġibna merkanzija *(għat-tpartit)*. Għalhekk *(kun ħanin magħna u)* agħtina kejl sħiħ, u agħmel karità magħna. Tabilħaqq li Alla jħallas lil dawk li jagħmlu karità."

89. Qal: "Tafu x'għamiltu lil Ġużeppi *(f'żgħożitkom)*, u lil ħuh *(Benjamin)*, fl-injuranza tagħkom?"

90. Qalu: "Jaqaw inti Ġużeppi?" Qal: "Jiena Ġużeppi u dan ħija *(Benjamin)*. Alla ħaseb fina *(u ħelisna minn kull saram)*. Tassew li min jibża' minn Alla u jistabar, Alla tabilħaqq ma jtellifx il-ħlas ta' dawk li jagħmlu t-tajjeb."

91. Qalu: "Fuq Alla! Tassew li Alla għażlek u ppreferiek minna, u aħna konna tassew il-ħatjin!"

92. Qal *(Ġużeppi)*: "*(Ħalli ma jkun hemm)* ebda ħtija fuqkom illum! Alla jaħfrilkom, u Huwa l-Aktar Ħanin fost dawk li jħennu.

93. Morru b'din il-qmis tiegħi, ixħtuha fuq wiċċ missieri, u jerġa' jibda jara! Imbagħad ejjew għandi b'nieskom, ilkoll!"

94. U meta l-karovana telqet *(mill-Eġittu lejn l-art ta' Kangħan)*, missierhom qal: "Jiena tabilħaqq qiegħed naqbad ir-riħa ta' Ġużeppi, għalkemm intom tqisuni xiħ żmagat."

95. Qalu *(niesu)*: "Fuq Alla, inti tassew għadek fit-taħwid ta' qabel *(minħabba l-fissazzjoni tiegħek dwar Ġużeppi)*!"

فَلَمَّآ أَن جَآءَ ٱلْبَشِيرُ أَلْقَىٰهُ عَلَىٰ وَجْهِهِۦ فَٱرْتَدَّ بَصِيرًا ۖ قَالَ
أَلَمْ أَقُل لَّكُمْ إِنِّىٓ أَعْلَمُ مِنَ ٱللَّهِ مَا لَا تَعْلَمُونَ ﴿96﴾ قَالُوا۟
يَٰٓأَبَانَا ٱسْتَغْفِرْ لَنَا ذُنُوبَنَآ إِنَّا كُنَّا خَٰطِـِٔينَ ﴿97﴾ قَالَ سَوْفَ
أَسْتَغْفِرُ لَكُمْ رَبِّىٓ ۖ إِنَّهُۥ هُوَ ٱلْغَفُورُ ٱلرَّحِيمُ ﴿98﴾ فَلَمَّا
دَخَلُوا۟ عَلَىٰ يُوسُفَ ءَاوَىٰٓ إِلَيْهِ أَبَوَيْهِ وَقَالَ ٱدْخُلُوا۟ مِصْرَ
إِن شَآءَ ٱللَّهُ ءَامِنِينَ ﴿99﴾ وَرَفَعَ أَبَوَيْهِ عَلَى ٱلْعَرْشِ وَخَرُّوا۟
لَهُۥ سُجَّدًا ۖ وَقَالَ يَٰٓأَبَتِ هَٰذَا تَأْوِيلُ رُءْيَىَ مِن قَبْلُ قَدْ جَعَلَهَا
رَبِّى حَقًّا ۖ وَقَدْ أَحْسَنَ بِىٓ إِذْ أَخْرَجَنِى مِنَ ٱلسِّجْنِ وَجَآءَ بِكُم
مِّنَ ٱلْبَدْوِ مِنۢ بَعْدِ أَن نَّزَغَ ٱلشَّيْطَٰنُ بَيْنِى وَبَيْنَ إِخْوَتِىٓ ۚ إِنَّ
رَبِّى لَطِيفٌ لِّمَا يَشَآءُ ۚ إِنَّهُۥ هُوَ ٱلْعَلِيمُ ٱلْحَكِيمُ ﴿100﴾ ۞ رَبِّ
قَدْ ءَاتَيْتَنِى مِنَ ٱلْمُلْكِ وَعَلَّمْتَنِى مِن تَأْوِيلِ ٱلْأَحَادِيثِ ۚ فَاطِرَ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ أَنتَ وَلِىِّۦ فِى ٱلدُّنْيَا وَٱلْءَاخِرَةِ ۖ تَوَفَّنِى
مُسْلِمًا وَأَلْحِقْنِى بِٱلصَّٰلِحِينَ ﴿101﴾ ذَٰلِكَ مِنْ أَنۢبَآءِ ٱلْغَيْبِ
نُوحِيهِ إِلَيْكَ ۖ وَمَا كُنتَ لَدَيْهِمْ إِذْ أَجْمَعُوٓا۟ أَمْرَهُمْ وَهُمْ يَمْكُرُونَ
﴿102﴾ وَمَآ أَكْثَرُ ٱلنَّاسِ وَلَوْ حَرَصْتَ بِمُؤْمِنِينَ ﴿103﴾

نصف الحزب 25

96. Imbagħad meta ġie dak li jagħti l-bxara t-tajba, xeħetha *(il-qmis)* fuq wiċċu u *(Ġakobb)* reġa' beda jara. Qalilhom *(missierhom)*: "Ma għedtilkomx li jiena naf minn Alla dak li ma tafux?"

97. Qalu: "Missierna, itlob biex dnubietna jinħafru, *(għaliex)* aħna konna tassew ħatjin."

98. Qal*(ilhom)*: "Se nitlob lil Sidi *(il-Mulej)* jaħfrilkom. Huwa tabilħaqq Kollu Maħfra u Ħanin."

99. U meta *(Ġakobb, uliedu, u nieshom)* daħlu quddiem Ġużeppi, huwa laqa' għandu lill-ġenituri tiegħu, u qal: "Idħlu *(ilkoll)* fl-Eġittu mħarsin, jekk Alla jrid!"

100. U *(Ġużeppi)* għolla lill-ġenituri tiegħu fuq it-tron *(tal-ġieħ)*, u lkoll inxteħtu fl-art quddiemu. Huwa qal: "Missier, din hija t-tifsira tal-ħolma tiegħi *(li kont ħlomt)* qabel *(u li kont għarrafthielek)*, u Sidi *(il-Mulej)* tabilħaqq ġabha fis-seħħ. Huwa kien tajjeb miegħi meta ħariġni mill-ħabs, u *(lilkom)* ġabkom mid-deżert, wara li x-Xitan kien ġab firda bejni u bejn ħuti. Sidi tabilħaqq jaħdem bil-ħlewwa u b'mod mistur biex jilħaq dak li jrid. Huwa li jaf kollox, l-Għaref.

101. Sidi *(il-Mulej)*, Inti tajtni s-setgħa u għallimtni tifsir il-ġrajjiet *(kif jidhru fil-ħolm)*. Ħallieq is-smewwiet u l-art, Inti tieħu ħsiebi f'*(din)* id-dinja u fl-Oħra. Ħudli ruħi meta jiena Mislem, u laqqagħni mal-ġusti."

102. Dawk huma xi ftit mill-ġrajjiet mistura *(dwar Ġużeppi)* li Aħna nnebbħulek *(Muħammad, u ngħallmuk)*. Inti ma kontx magħhom *(ħut Ġużeppi)* meta qatgħuha x'għandhom jagħmlu, huma u jħejju n-nasba tagħhom.

103. Iżda ħafna min-nies ma jemmnux, minkejja l-ħeġġa tiegħek *(Muħammad)*.

وَمَا تَسْـَٔلُهُمْ عَلَيْهِ مِنْ أَجْرٍ ۚ إِنْ هُوَ إِلَّا ذِكْرٌ لِّلْعَٰلَمِينَ ﴿104﴾
وَكَأَيِّن مِّنْ ءَايَةٍ فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ يَمُرُّونَ عَلَيْهَا
وَهُمْ عَنْهَا مُعْرِضُونَ ﴿105﴾ وَمَا يُؤْمِنُ أَكْثَرُهُم بِٱللَّهِ إِلَّا
وَهُم مُّشْرِكُونَ ﴿106﴾ أَفَأَمِنُوٓا۟ أَن تَأْتِيَهُمْ غَٰشِيَةٌ مِّنْ عَذَابِ ٱللَّهِ
أَوْ تَأْتِيَهُمُ ٱلسَّاعَةُ بَغْتَةً وَهُمْ لَا يَشْعُرُونَ ﴿107﴾ قُلْ هَٰذِهِۦ
سَبِيلِىٓ أَدْعُوٓا۟ إِلَى ٱللَّهِ ۚ عَلَىٰ بَصِيرَةٍ أَنَا۠ وَمَنِ ٱتَّبَعَنِى ۖ وَسُبْحَٰنَ
ٱللَّهِ وَمَآ أَنَا۠ مِنَ ٱلْمُشْرِكِينَ ﴿108﴾ وَمَآ أَرْسَلْنَا مِن قَبْلِكَ
إِلَّا رِجَالًا نُّوحِىٓ إِلَيْهِم مِّنْ أَهْلِ ٱلْقُرَىٰ ۗ أَفَلَمْ يَسِيرُوا۟ فِى
ٱلْأَرْضِ فَيَنظُرُوا۟ كَيْفَ كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ ۗ
وَلَدَارُ ٱلْءَاخِرَةِ خَيْرٌ لِّلَّذِينَ ٱتَّقَوْا۟ ۗ أَفَلَا تَعْقِلُونَ ﴿109﴾ حَتَّىٰٓ
إِذَا ٱسْتَيْـَٔسَ ٱلرُّسُلُ وَظَنُّوٓا۟ أَنَّهُمْ قَدْ كُذِبُوا۟ جَآءَهُمْ
نَصْرُنَا فَنُجِّىَ مَن نَّشَآءُ ۖ وَلَا يُرَدُّ بَأْسُنَا عَنِ ٱلْقَوْمِ ٱلْمُجْرِمِينَ
﴿110﴾ لَقَدْ كَانَ فِى قَصَصِهِمْ عِبْرَةٌ لِّأُو۟لِى ٱلْأَلْبَٰبِ ۗ مَا كَانَ
حَدِيثًا يُفْتَرَىٰ وَلَٰكِن تَصْدِيقَ ٱلَّذِى بَيْنَ يَدَيْهِ
وَتَفْصِيلَ كُلِّ شَىْءٍ وَهُدًى وَرَحْمَةً لِّقَوْمٍ يُؤْمِنُونَ ﴿111﴾

104. Inti ma titlobx minnhom ħlas għal dan *(it-tħabrik tiegħek fosthom)*. Dan *(il-Qoran)* ma huwiex għajr tifkira *(u twissija)* lill-ħolqien.

105. U kemm-il sinjal fis-smewwiet u fl-art *(li juru li hemm Alla Wieħed)* jiltaqgħu magħhom, iżda huma ma jagħtux kas *(tagħhom)*.

106. Il-kotra tagħhom ma jemmnux f'Alla, ħlief meta jxierku *(allat oħra miegħu)*.

107. Jaqaw serrħu rashom li ma huwiex se jiġi fuqhom il-kastig ta' Alla li jgħattihom *(minn kullimkien)*, jew li ma hijiex se tiġi s-Siegħa għal għarrieda, mingħajr ma jintebħu?

108. Għid *(Muħammad)*: "Din triqti *(u ma fiha ebda tagħwiġ)*. Jiena nsejjaħ *(biex idduru)* lejn Alla. Jiena u min jimxi warajja għandna għarfien sħiħ. Sebħ lil Alla! M'iniex minn dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla)*!"

109. Qablek *(Muħammad)* ma bgħatniex għajr irġiel li nebbaħniehom, minn nies l-ibliet, *(u la bgħatna nisa u lanqas anġli jew ġinn)*. Jaqaw *(dawk li ċaħdu t-twemmin)* ma terrqux fuq l-art, u ma rawx kif kien tmiem dawk *(il-ħżiena)* ta' qabilhom *(biex forsi jieħdu tagħlima)*? Iżda l-Aħħar Dar hija l-aħjar għal dawk li jibżgħu minn Alla. Mela ma għandkomx għaqal *(biex tifhmu)*?

110. Meta l-Mibgħutin qatgħu qalbhom *(minn nieshom)*, u dehrilhom li kienu mgiddbin, ġiethom l-għajnuna *(u r-rebħa)* tagħna, u nħeles kulmin ridna. Il-qilla tagħna ma titwarrabx minn fuq in-nies il-ħatjin.

111. Fi ġrajjiethom *(ta' Ġużeppi u ħutu)* hemm tagħlima għan-nies ta' dehen. *(Dan il-Qoran)* ma huwiex xi ħrafa li xi ħadd qala' minn żniedu, iżda jseddaq dak li għadda qablu *(fil-Kotba mqaddsa)*; tifsira bir-reqqa ta' kollox, u tmexxija tajba u ħniena għal nies li jemmnu.

سُورَةُ الرَّعْدِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

الٓمٓرٰ ۚ تِلْكَ ءَايَٰتُ ٱلْكِتَٰبِ ۗ وَٱلَّذِىٓ أُنزِلَ إِلَيْكَ مِن رَّبِّكَ ٱلْحَقُّ
وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ ٱلنَّاسِ لَا يُؤْمِنُونَ ﴿1﴾ ٱللَّهُ ٱلَّذِى رَفَعَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ بِغَيْرِ
عَمَدٍ تَرَوْنَهَا ۖ ثُمَّ ٱسْتَوَىٰ عَلَى ٱلْعَرْشِ ۖ وَسَخَّرَ ٱلشَّمْسَ وَٱلْقَمَرَ ۖ كُلٌّ
يَجْرِى لِأَجَلٍ مُّسَمًّى ۚ يُدَبِّرُ ٱلْأَمْرَ يُفَصِّلُ ٱلْءَايَٰتِ لَعَلَّكُم بِلِقَآءِ
رَبِّكُمْ تُوقِنُونَ ﴿2﴾ وَهُوَ ٱلَّذِى مَدَّ ٱلْأَرْضَ وَجَعَلَ فِيهَا رَوَٰسِىَ
وَأَنْهَٰرًا ۖ وَمِن كُلِّ ٱلثَّمَرَٰتِ جَعَلَ فِيهَا زَوْجَيْنِ ٱثْنَيْنِ ۖ يُغْشِى ٱلَّيْلَ
ٱلنَّهَارَ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَٰتٍ لِّقَوْمٍ يَتَفَكَّرُونَ ﴿3﴾ وَفِى ٱلْأَرْضِ
قِطَعٌ مُّتَجَٰوِرَٰتٌ وَجَنَّٰتٌ مِّنْ أَعْنَٰبٍ وَزَرْعٌ وَنَخِيلٌ صِنْوَانٌ
وَغَيْرُ صِنْوَانٍ يُسْقَىٰ بِمَآءٍ وَٰحِدٍ ۖ وَنُفَضِّلُ بَعْضَهَا عَلَىٰ بَعْضٍ
فِى ٱلْأُكُلِ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَٰتٍ لِّقَوْمٍ يَعْقِلُونَ ﴿4﴾
۞ وَإِن تَعْجَبْ فَعَجَبٌ قَوْلُهُمْ أَءِذَا كُنَّا تُرَٰبًا أَءِنَّا لَفِى خَلْقٍ
جَدِيدٍ ۗ أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ بِرَبِّهِمْ ۖ وَأُو۟لَٰٓئِكَ ٱلْأَغْلَٰلُ
فِىٓ أَعْنَاقِهِمْ ۖ وَأُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلنَّارِ ۖ هُمْ فِيهَا خَٰلِدُونَ ﴿5﴾

ثلاثة أرباع
الحزب
25

13. *Sūratu r-Raghd*

(Suret ir-Raghad – Niżlet f'Mekka bi 43 vers)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Hanin.

1. *'Alif. Lām. Mīm. Rā'*. Dawn huma l-versi tal-Ktieb. U dak li tniżżillek *(Muħammad)* minn Sidek *(il-Mulej)* huwa s-sewwa, iżda ħafna min-nies ma jemmnux *(fih)*.
2. Alla huwa li refa' s-smewwiet mingħajr kolonni li *(tistgħu)* tarawhom, imbagħad intasab fuq it-Tron, u ħaddem ix-xemx u l-qamar *(b'riżq il-bnedmin)*, ilkoll kemm huma jiġru *(fid-dawra tagħhom)* lejn żmien imsemmi. Huwa jieħu ħsieb kollox, u jfisser bir-reqqa s-sinjali biex forsi temmnu sħiħ fil-laqgħa ma' Sidkom *(il-Mulej)*.
3. Huwa li medd l-art *(bil-wesgħat tagħha mħejjija għall-bnedmin u għall-bhejjem)*, għamel fiha iġbla mqiegħda fis-sod u xmajjar, u l-frott kollu għamlu f'żewġ *(għamliet: raġel u mara)*, u jifrex il-lejl *(bħal velu)* fuq in-nhar. F'dan *(kollu)* tabilħaqq hemm sinjali għal nies li jixtarru *(is-siwi tagħhom)*.
4. Fl-art hemm qatgħat ħdejn xulxin, ġonna ta' l-għeneb, għelieqi miżrugħa u siġar tal-palm b'għerq wieħed *(bejniethom)* u *(oħrajn)* b'għeruq differenti; *(dan kollu)* jissaqqa b'ilma wieħed, filwaqt li nippreferu uħud *(minn dan il-frott)* minn ieħor għall-ikel. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hemm sinjali għal nies bil-għaqal.
5. Jekk qiegħed tistagħġeb *(bin-nuqqas ta' twemminhom)*, ta' l-għaġeb huwa kliemhom *(in-nies bla twemmin meta jgħidu)*: "Jaqaw, meta nkunu trab, tassew se nkunu f'holqien ġdid?" Dawk huma li ma jemmnux f'Sidhom *(il-Mulej)*. Dawk huma li *(f'Jum il-Ħaqq)* għenuqhom jixxekklu. Dawk huma nies in-Nar, u fih jgħammru għal dejjem.

وَيَسْتَعْجِلُونَكَ بِالسَّيِّئَةِ قَبْلَ الْحَسَنَةِ وَقَدْ خَلَتْ مِن
قَبْلِهِمُ الْمَثُلَاتُ ۗ وَإِنَّ رَبَّكَ لَذُو مَغْفِرَةٍ لِّلنَّاسِ عَلَىٰ ظُلْمِهِمْ ۖ
وَإِنَّ رَبَّكَ لَشَدِيدُ الْعِقَابِ ﴿6﴾ وَيَقُولُ الَّذِينَ كَفَرُوا لَوْلَا
أُنزِلَ عَلَيْهِ آيَةٌ مِّن رَّبِّهِ ۗ إِنَّمَا أَنتَ مُنذِرٌ ۖ وَلِكُلِّ قَوْمٍ هَادٍ
﴿7﴾ اللَّهُ يَعْلَمُ مَا تَحْمِلُ كُلُّ أُنثَىٰ وَمَا تَغِيضُ الْأَرْحَامُ
وَمَا تَزْدَادُ ۖ وَكُلُّ شَيْءٍ عِندَهُ بِمِقْدَارٍ ﴿8﴾ عَالِمُ الْغَيْبِ
وَالشَّهَادَةِ الْكَبِيرُ الْمُتَعَالِ ﴿9﴾ سَوَاءٌ مِّنكُم مَّنْ أَسَرَّ
الْقَوْلَ وَمَن جَهَرَ بِهِ وَمَنْ هُوَ مُسْتَخْفٍ بِاللَّيْلِ وَسَارِبٌ
بِالنَّهَارِ ﴿10﴾ لَهُ مُعَقِّبَاتٌ مِّن بَيْنِ يَدَيْهِ وَمِنْ خَلْفِهِ يَحْفَظُونَهُ
مِنْ أَمْرِ اللَّهِ ۗ إِنَّ اللَّهَ لَا يُغَيِّرُ مَا بِقَوْمٍ حَتَّىٰ يُغَيِّرُوا مَا بِأَنفُسِهِمْ ۗ
وَإِذَا أَرَادَ اللَّهُ بِقَوْمٍ سُوءًا فَلَا مَرَدَّ لَهُ ۚ وَمَا لَهُم مِّن دُونِهِ مِن
وَالٍ ﴿11﴾ هُوَ الَّذِي يُرِيكُمُ الْبَرْقَ خَوْفًا وَطَمَعًا
وَيُنشِئُ السَّحَابَ الثِّقَالَ ﴿12﴾ وَيُسَبِّحُ الرَّعْدُ بِحَمْدِهِ
وَالْمَلَائِكَةُ مِنْ خِيفَتِهِ وَيُرْسِلُ الصَّوَاعِقَ فَيُصِيبُ بِهَا
مَن يَشَاءُ وَهُمْ يُجَادِلُونَ فِي اللَّهِ وَهُوَ شَدِيدُ الْمِحَالِ ﴿13﴾

6. Huma *(mingħalihom jiddieħku bik, Muħammad, u)* jitolbuk tgħaġġel *(iġġib fuqhom)* l-għemil ħażin *(il-kastig)* qabel it-tajjeb, u *(dan meta)* qabilhom seħħu *(bosta)* xbihat *(ta' kastigi li messu nies ħżiena bħalhom)*. Sidek *(il-Mulej)* tabilħaqq Kollu Maħfra man-nies minkejja l-ħażen tagħhom, u tassew li Sidek Qalil fil-kastig *(ma' min jibqa' ma jindimx, sa l-aħħar)*.
7. U dawk *(fost il-pagani ta' Qurajx)* li ma jemmnux, jgħidu: "Għaliex *(lil Muħammad)* ma jinżillux sinjal minn Sidu *(li juri li huwa tassew Profeta ta' Alla)*?" Iżda *(inti, Muħammad)* m'intix għajr wieħed li jwiddeb, u kull ġens għandu min imexxih.
8. Alla jaf dak li ġġorr *(f'ġufha)* kull mara *(jekk huwiex tifel jew tifla)*, u kemm għandhom nieqes il-ġwief *(meta t-tarbija titwieled kmieni)*, u kemm għandhom żejjed *(ħekk li għaddielhom iż-żmien)*. Kollox bil-qjies għandu.
9. Huwa jaf il-mistur u dak li jidher. *(Huwa)* il-Kbir, l-Għoli Wisq.
10. Huma ndaqs *(għal Alla)* min, fostkom, jostor il-kliem *(f'qalbu)* u min jurih fid-dieher *(bi kliemu)*; min jinħeba billejl u jterraq ħieles binhar.
11. Għal *(kull bniedem)* hemm għadd ta' anġli, quddiemu u warajh, li jħarsuh, bl-amar ta' Alla. Alla tabilħaqq ma jibdilx dak li jinsab f'xi ġens qabel ma *(dawn in-nies)* jibdlu dak li hemm fihom infushom. U meta Alla jrid xi deni lil xi ġens, ma hemm xejn li jista' jżommu. U ma għandhomx ħliefu min iħarishom.
12. Huwa li jurikom il-beraq, *(għajn)* ta' biża' *(minħabba l-ħsara li jista' jġib miegħu)*, u ta' tama *(għaliex warajh tiġi x-xita)*, u jtella' s-sħab it-tqil *(mimli xita)*.
13. Ir-ragħad ifaħħar is-sebħ tiegħu, u *(bħalu jagħmlu)* l-anġli, bil-biża' tiegħu. Huwa jibgħat is-sajjetti u jolqot bihom lil min irid, u huma *(il-pagani ta' Mekka, jissugraw)* iħaqquha dwar Alla, meta Huwa Qalil fil-qawwa tiegħu.

لَهُۥ دَعْوَةُ ٱلْحَقِّ ۖ وَٱلَّذِينَ يَدْعُونَ مِن دُونِهِۦ لَا يَسْتَجِيبُونَ لَهُم بِشَىْءٍ إِلَّا
كَبَٰسِطِ كَفَّيْهِ إِلَى ٱلْمَآءِ لِيَبْلُغَ فَاهُ وَمَا هُوَ بِبَٰلِغِهِۦ ۚ وَمَا دُعَآءُ ٱلْكَٰفِرِينَ
إِلَّا فِى ضَلَٰلٍ ﴿14﴾ وَلِلَّهِ يَسْجُدُ مَن فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ طَوْعًا سجدة
وَكَرْهًا وَظِلَٰلُهُم بِٱلْغُدُوِّ وَٱلْءَاصَالِ ﴿15﴾ قُلْ مَن رَّبُّ ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضِ قُلِ ٱللَّهُ ۚ قُلْ أَفَٱتَّخَذْتُم مِّن دُونِهِۦٓ أَوْلِيَآءَ لَا يَمْلِكُونَ لِأَنفُسِهِمْ
نَفْعًا وَلَا ضَرًّا ۚ قُلْ هَلْ يَسْتَوِى ٱلْأَعْمَىٰ وَٱلْبَصِيرُ أَمْ هَلْ تَسْتَوِى
ٱلظُّلُمَٰتُ وَٱلنُّورُ ۗ أَمْ جَعَلُوا۟ لِلَّهِ شُرَكَآءَ خَلَقُوا۟ كَخَلْقِهِۦ فَتَشَٰبَهَ ٱلْخَلْقُ
عَلَيْهِمْ ۚ قُلِ ٱللَّهُ خَٰلِقُ كُلِّ شَىْءٍ وَهُوَ ٱلْوَٰحِدُ ٱلْقَهَّٰرُ ﴿16﴾ أَنزَلَ مِنَ
ٱلسَّمَآءِ مَآءً فَسَالَتْ أَوْدِيَةٌۢ بِقَدَرِهَا فَٱحْتَمَلَ ٱلسَّيْلُ زَبَدًا رَّابِيًا ۚ
وَمِمَّا يُوقِدُونَ عَلَيْهِ فِى ٱلنَّارِ ٱبْتِغَآءَ حِلْيَةٍ أَوْ مَتَٰعٍ زَبَدٌ مِّثْلُهُۥ ۚ كَذَٰلِكَ
يَضْرِبُ ٱللَّهُ ٱلْحَقَّ وَٱلْبَٰطِلَ ۚ فَأَمَّا ٱلزَّبَدُ فَيَذْهَبُ جُفَآءً ۖ وَأَمَّا مَا
يَنفَعُ ٱلنَّاسَ فَيَمْكُثُ فِى ٱلْأَرْضِ ۚ كَذَٰلِكَ يَضْرِبُ ٱللَّهُ ٱلْأَمْثَالَ ﴿17﴾
لِلَّذِينَ ٱسْتَجَابُوا۟ لِرَبِّهِمُ ٱلْحُسْنَىٰ ۚ وَٱلَّذِينَ لَمْ يَسْتَجِيبُوا۟ لَهُۥ
لَوْ أَنَّ لَهُم مَّا فِى ٱلْأَرْضِ جَمِيعًا وَمِثْلَهُۥ مَعَهُۥ لَٱفْتَدَوْا۟ بِهِۦٓ ۚ
أُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمْ سُوٓءُ ٱلْحِسَابِ وَمَأْوَىٰهُمْ جَهَنَّمُ ۖ وَبِئْسَ ٱلْمِهَادُ ﴿18﴾

14. Is-sejħa tabilħaqq issir lilu *(biss)*, u dawk *(l-idoli u l-allat)* li *(il-pagani)* isejħu minfloku, ma jweġbuhom xejn; bħal dak li jifrex il-pali ta' idejh għall-ilma biex jasal f'fommu, iżda ma jilħqux. Is-sejħa ta' dawk bla twemmin ma tisfax għajr fix-xejn.

15. Quddiem Alla jinxteħet kulma hu fis-smewwiet u fl-art, irid jew ma jridx, *(bħalma jagħmlu)* id-dellijiet tagħhom filgħodu u filgħaxija.

16. Għid *(Muħammad)*: "Min hu Sid is-smewwiet u l-art?" Għid: "Alla!" Għid: "Jaqaw, minfloku, ħadtu għall-ħarsien tagħkom lil dawk li ma għandhomx is-setgħa jkunu ta' fejda u deni għalihom infushom?" Għid *(ukoll)*: "Jaqaw l-agħma u min jara huma ndaqs, jew huma ndaqs id-dlamijiet u d-dawl? Jew għamlu, ma' Alla, ixirka li ħalqu bħalma ħalaq Huwa, hekk li għalihom il-ħolqien *(ta' dawn l-ixirka)* jixbah *(il-ħolqien ta' Alla)*?" Għid *(mela)*: "Alla huwa l-Ħallieq ta' kollox, u Huwa l-Wieħed, li jegħleb lil kollox u lil kulħadd."

17. Huwa jniżżel ilma mis-sema, u gelglu widien *(ta' xita)* skond id-daqs tagħhom, u l-ilmijiet iġorru magħhom ragħwa kotrana li titla' fil-wiċċ. Ragħwa bħalha *(toħroġ)* minn dak li jqabbdu fuq in-nar biex jagħmlu *(oġġetti ta')* żina jew oġġetti *(tal-metall)* għall-użu *(tagħhom)*. Hekk Alla juri *(bit-tixbihat)* is-sewwa u l-bâtal. Ir-ragħwa malajr tiġi fix-xejn, iżda dak li hu ta' fejda għan-nies jibqa' *(fit-tul)* fuq l-art. Hekk Alla juri bit-tixbihat.

18. Lil dawk li jwieġbu lil Sidhom *(bit-twemmin u l-ħarsien tad-digrieti tiegħu)* hemm *(imħejjija)* l-aħjar ħaġa *(li hija l-Ġenna)*. Iżda dawk li ma weġbuhx, li kieku kellhom kulma jinsab fuq l-art, u daqshekk ieħor *(miżjud)* miegħu, huma *(kienu jippruvaw)* jinfdew bih *(iżda kien ikun kollu għalxejn)*. Dawk għalihom hemm kont mill-agħar, u l-kenn tagħhom huwa fl-Infern, u ta' għajb il-friex *(tagħhom fin-Nar)*.

الحزب 26

۞ أَفَمَن يَعْلَمُ أَنَّمَآ أُنزِلَ إِلَيْكَ مِن رَّبِّكَ ٱلْحَقُّ كَمَنْ هُوَ أَعْمَىٰٓ ۚ إِنَّمَا يَتَذَكَّرُ
أُو۟لُوا۟ ٱلْأَلْبَٰبِ ﴿19﴾ ٱلَّذِينَ يُوفُونَ بِعَهْدِ ٱللَّهِ وَلَا يَنقُضُونَ ٱلْمِيثَٰقَ
﴿20﴾ وَٱلَّذِينَ يَصِلُونَ مَآ أَمَرَ ٱللَّهُ بِهِۦٓ أَن يُوصَلَ وَيَخْشَوْنَ رَبَّهُمْ
وَيَخَافُونَ سُوٓءَ ٱلْحِسَابِ ﴿21﴾ وَٱلَّذِينَ صَبَرُوا۟ ٱبْتِغَآءَ وَجْهِ رَبِّهِمْ
وَأَقَامُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ وَأَنفَقُوا۟ مِمَّا رَزَقْنَٰهُمْ سِرًّا وَعَلَانِيَةً وَيَدْرَءُونَ
بِٱلْحَسَنَةِ ٱلسَّيِّئَةَ أُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمْ عُقْبَى ٱلدَّارِ ﴿22﴾ جَنَّٰتُ عَدْنٍ يَدْخُلُونَهَا
وَمَن صَلَحَ مِنْ ءَابَآئِهِمْ وَأَزْوَٰجِهِمْ وَذُرِّيَّٰتِهِمْ ۖ وَٱلْمَلَٰٓئِكَةُ يَدْخُلُونَ
عَلَيْهِم مِّن كُلِّ بَابٍ ﴿23﴾ سَلَٰمٌ عَلَيْكُم بِمَا صَبَرْتُمْ ۚ فَنِعْمَ عُقْبَى ٱلدَّارِ
﴿24﴾ وَٱلَّذِينَ يَنقُضُونَ عَهْدَ ٱللَّهِ مِنۢ بَعْدِ مِيثَٰقِهِۦ وَيَقْطَعُونَ مَآ
أَمَرَ ٱللَّهُ بِهِۦٓ أَن يُوصَلَ وَيُفْسِدُونَ فِى ٱلْأَرْضِ ۙ أُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمُ ٱللَّعْنَةُ
وَلَهُمْ سُوٓءُ ٱلدَّارِ ﴿25﴾ ٱللَّهُ يَبْسُطُ ٱلرِّزْقَ لِمَن يَشَآءُ وَيَقْدِرُ ۚ وَفَرِحُوا۟
بِٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا وَمَا ٱلْحَيَوٰةُ ٱلدُّنْيَا فِى ٱلْءَاخِرَةِ إِلَّا مَتَٰعٌ ﴿26﴾ وَيَقُولُ
ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لَوْلَآ أُنزِلَ عَلَيْهِ ءَايَةٌ مِّن رَّبِّهِۦ ۗ قُلْ إِنَّ ٱللَّهَ يُضِلُّ
مَن يَشَآءُ وَيَهْدِىٓ إِلَيْهِ مَنْ أَنَابَ ﴿27﴾ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَتَطْمَئِنُّ
قُلُوبُهُم بِذِكْرِ ٱللَّهِ ۗ أَلَا بِذِكْرِ ٱللَّهِ تَطْمَئِنُّ ٱلْقُلُوبُ ﴿28﴾

19. Jaqaw *(Muhammad)*, dak li jaf li kulma tniżżillek minn Sidek *(il-Qoran)* huwa s-sewwa, huwa *(l-istess)* bhal min hu aghma? Huma biss in-nies ta' dehen li jiftakru *(u jixtarru dawn it-twissijiet)*,
20. dawk li jżommu mar-rabta ta' Alla u ma jiksrux il-patt *(tagħhom)*,
21. u dawk li jghaqqdu dak li Alla amar li ghandu jkun magħqud *(haġa waħda)*, jibżghu minn Sidhom *(il-Mulej)*, u jibżghu mill-kont tal-biża' *(li għad iridu jħallsu)*,
22. u dawk li jistabru biex ifittxu Wiċċ Sidhom *(il-Mulej)*, jagħmlu t-talb, u jonfqu *(fil-karità)*, bil-moħbi jew fil-beraħ, minn dak li tajniehom għall-għajxien tagħhom, u jilqghu *(l-għemil)* il-ħażin bit-tajjeb. Dawk ghandhom tmiem *(mill-isbaħ)* fid-Dar *(ta' dejjem)*:
23. il-Ġonna ta' l-Għeden li huma jidħlu fihom flimkien mal-ġusti minn fost missirijiethom, in-nisa tagħhom, u nisilhom, u l-anġli jidħlu ħdejhom minn kull bieb *(biex jagħtuhom merħba, filwaqt li jsellmulhom)*:
24. "Sliem għalikom għaliex stabartu *(u żammejtu sħiħ fit-tiġrib tad-dinja)*. Tassew sabiħ *(dan)* it-tmiem tad-Dar *(ta' dejjem)*!"
25. Iżda dawk li jiksru r-rabta ta' Alla wara *(li kienu laqgħu)* il-patt tiegħu, jaqtghu dak li Alla amar li ghandu jkun magħqud *(haġa waħda)*, u jagħmlu l-ħsara fuq l-art, dawk ghandhom is-saħta, u tagħhom hija l-agħar Dar!
26. Alla jifrex il-ġid *(tiegħu bix-xaba')* fuq min irid, u jagħtih bil-qjies *(u bir-reqqa kollha, skond il-ħtieġa)*. Huma jifirħu bil-ħajja *(ta' din)* id-dinja, iżda l-ħajja fid-dinja mqabbla mal-*(Ħajja)* l-Oħra, ma hijiex għajr tgawdija *(fiergħa li ma ddumx ma tgħaddi)*.
27. U dawk li ma jemmnux *(fost il-pagani ta' Mekka)* jgħidu: "Għaliex ma jinżillux xi sinjal minn Sidu?" Għid*(ilhom Muħammad)*: "Tabilħaqq li Alla jtellef it-triq lil min irid, u juri t-triq *(li twassal)* lejh lil min idur niedem *(lejh)*;
28. dawk li jemmnu, u qlubhom isibu serħan fit-tifkira ta' Alla. Tabilħaqq li fit-tifkira ta' Alla jsibu s-serħan tagħhom il-qlub!

ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ طُوبَىٰ لَهُمْ وَحُسْنُ
مَـَٔابٍ ﴿29﴾ كَذَٰلِكَ أَرْسَلْنَٰكَ فِىٓ أُمَّةٍ قَدْ خَلَتْ مِن قَبْلِهَآ أُمَمٌ
لِّتَتْلُوَا۟ عَلَيْهِمُ ٱلَّذِىٓ أَوْحَيْنَآ إِلَيْكَ وَهُمْ يَكْفُرُونَ بِٱلرَّحْمَٰنِ ۚ
قُلْ هُوَ رَبِّى لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ عَلَيْهِ تَوَكَّلْتُ وَإِلَيْهِ مَتَابِ ﴿30﴾
وَلَوْ أَنَّ قُرْءَانًا سُيِّرَتْ بِهِ ٱلْجِبَالُ أَوْ قُطِّعَتْ بِهِ ٱلْأَرْضُ أَوْ كُلِّمَ
بِهِ ٱلْمَوْتَىٰ ۗ بَل لِّلَّهِ ٱلْأَمْرُ جَمِيعًا ۗ أَفَلَمْ يَاْيْـَٔسِ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟
أَن لَّوْ يَشَآءُ ٱللَّهُ لَهَدَى ٱلنَّاسَ جَمِيعًا ۗ وَلَا يَزَالُ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟
تُصِيبُهُم بِمَا صَنَعُوا۟ قَارِعَةٌ أَوْ تَحُلُّ قَرِيبًا مِّن دَارِهِمْ حَتَّىٰ يَأْتِىَ
وَعْدُ ٱللَّهِ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يُخْلِفُ ٱلْمِيعَادَ ﴿31﴾ وَلَقَدِ ٱسْتُهْزِئَ بِرُسُلٍ
مِّن قَبْلِكَ فَأَمْلَيْتُ لِلَّذِينَ كَفَرُوا۟ ثُمَّ أَخَذْتُهُمْ ۖ فَكَيْفَ كَانَ
عِقَابِ ﴿32﴾ أَفَمَنْ هُوَ قَآئِمٌ عَلَىٰ كُلِّ نَفْسٍۭ بِمَا كَسَبَتْ ۗ وَجَعَلُوا۟
لِلَّهِ شُرَكَآءَ ۚ قُلْ سَمُّوهُمْ ۚ أَمْ تُنَبِّـُٔونَهُۥ بِمَا لَا يَعْلَمُ فِى ٱلْأَرْضِ أَم
بِظَٰهِرٍ مِّنَ ٱلْقَوْلِ ۗ بَلْ زُيِّنَ لِلَّذِينَ كَفَرُوا۟ مَكْرُهُمْ وَصُدُّوا۟ عَنِ
ٱلسَّبِيلِ ۗ وَمَن يُضْلِلِ ٱللَّهُ فَمَا لَهُۥ مِنْ هَادٍ ﴿33﴾ لَّهُمْ عَذَابٌ فِى ٱلْحَيَوٰةِ
ٱلدُّنْيَا ۖ وَلَعَذَابُ ٱلْـَٔاخِرَةِ أَشَقُّ ۖ وَمَا لَهُم مِّنَ ٱللَّهِ مِن وَاقٍ ﴿34﴾

29. Dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba, hena lilhom, u mill-aħjar il-miġja lura *(tagħhom fil-Ġenna)*!"

30. Hekk bgħatniek *(Muħammad)* għand ġens li qablu għaddew ġnus *(oħra)*, biex taqralu dak *(il-Qoran)* li nebbaħnielek, iżda huma ma jemmnux f'Dak li Huwa Kollu Ħniena. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Huwa Sidi *(il-Mulej)*, ma hemmx alla ħliefu! F'idejh ħallejt u lejh indur."

31. Kieku kien hemm xi Qoran li *(meta jinqara)* bih jitħarrku l-iġbla, jew bih tixxaqqaq l-art, inkella bih jintqal kliem lill-mejtin *(u dawn jibdew jitkellmu, kieku kien ikun dan il-Qoran)*! Iżda ta' Alla huwa l-amar, f'kollox! Jaqaw dawk li jemmnu *(għadhom)* ma qatgħux jieshom *(u għadhom jaħsbu li l-pagani xi darba se jemmnu)*, u ma jafux li, kieku jrid, Alla kien imexxi fit-triq it-tajba lin-nies kollha? Iżda dawk li ċaħdu t-twemmin jibqgħu jintlaqtu minn għawġ kbir minħabba *(il-ħażen)* li għamlu, jew *(l-għawġ)* jasal *(u jolqot)* qrib darhom, sa ma tiġi l-wegħda ta' Alla *(u l-Islam joħroġ rebbieħ)*. Tabilħaqq li Alla ma jiksirx il-wegħda!

32. Tassew Mibgħutin qablek *(Muħammad)* kienu mżebilħin, u tajt ftit taż-żmien lil dawk li m'emmnux u mbagħad ħadthom *(għal għarrieda bil-kastig tiegħi)* – u x'kastig *(ikrah)* kien!

33. Jaqaw Dak li jinsab fuq kull ruħ, *(u jaf sew)* b'dak li kisbet *(għaliha nnifisha, huwa bħall-allat foloz)*? Iżda lil Alla għamlulu ixirka *(oħra miegħu, u għalhekk)* għid*(ilhom Muħammad)*: "Semmuhom! Jaqaw *(lil Alla)* qegħdin tħabbrulu dak, fuq l-art, li Huwa ma jafx bih, jew *(inkella dan tagħkom ma huwiex għajr)* għamla ta' kliem *(fieragħ)*?" Iżda lil dawk li ma jemmnux iżżejjen it-tnassis tagħhom *(u ħasbuh xi ħaġa tajba)*, u nżammu lura mit-triq *(ta' Alla)*. U dak li Alla jtelliflu t-triq, ma għandux min immexxi*(h)*.

34. Għalihom hemm kastig fil-ħajja *(ta' din)* id-dinja, iżda huwa eħrex il-kastig ta' *(il-Ħajja)* l-Oħra, u ma għandhomx min iħarishom minn Alla.

ربع الحزب 26

۞ مَّثَلُ ٱلْجَنَّةِ ٱلَّتِى وُعِدَ ٱلْمُتَّقُونَ ۖ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ ۖ
أُكُلُهَا دَآئِمٌ وَظِلُّهَا ۚ تِلْكَ عُقْبَى ٱلَّذِينَ ٱتَّقَوا۟ ۖ وَّعُقْبَى
ٱلْكَٰفِرِينَ ٱلنَّارُ ﴿35﴾ وَٱلَّذِينَ ءَاتَيْنَٰهُمُ ٱلْكِتَٰبَ يَفْرَحُونَ
بِمَآ أُنزِلَ إِلَيْكَ ۖ وَمِنَ ٱلْأَحْزَابِ مَن يُنكِرُ بَعْضَهُۥ ۚ قُلْ إِنَّمَآ أُمِرْتُ
أَنْ أَعْبُدَ ٱللَّهَ وَلَآ أُشْرِكَ بِهِۦٓ ۚ إِلَيْهِ أَدْعُوا۟ وَإِلَيْهِ مَـَٔابِ ﴿36﴾
وَكَذَٰلِكَ أَنزَلْنَٰهُ حُكْمًا عَرَبِيًّا ۚ وَلَئِنِ ٱتَّبَعْتَ أَهْوَآءَهُم بَعْدَ مَا
جَآءَكَ مِنَ ٱلْعِلْمِ ۙ مَا لَكَ مِنَ ٱللَّهِ مِن وَلِىٍّ وَلَا وَاقٍ ﴿37﴾ وَلَقَدْ
أَرْسَلْنَا رُسُلًا مِّن قَبْلِكَ وَجَعَلْنَا لَهُمْ أَزْوَٰجًا وَذُرِّيَّةً ۚ وَمَا كَانَ
لِرَسُولٍ أَن يَأْتِىَ بِـَٔايَةٍ إِلَّا بِإِذْنِ ٱللَّهِ ۗ لِكُلِّ أَجَلٍ كِتَابٌ ﴿38﴾
يَمْحُوا۟ ٱللَّهُ مَا يَشَآءُ وَيُثْبِتُ ۖ وَعِندَهُۥٓ أُمُّ ٱلْكِتَٰبِ ﴿39﴾
وَإِن مَّا نُرِيَنَّكَ بَعْضَ ٱلَّذِى نَعِدُهُمْ أَوْ نَتَوَفَّيَنَّكَ فَإِنَّمَا عَلَيْكَ
ٱلْبَلَٰغُ وَعَلَيْنَا ٱلْحِسَابُ ﴿40﴾ أَوَلَمْ يَرَوْا۟ أَنَّا نَأْتِى ٱلْأَرْضَ نَنقُصُهَا
مِنْ أَطْرَافِهَا ۚ وَٱللَّهُ يَحْكُمُ لَا مُعَقِّبَ لِحُكْمِهِۦ ۚ وَهُوَ سَرِيعُ
ٱلْحِسَابِ ﴿41﴾ وَقَدْ مَكَرَ ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ فَلِلَّهِ ٱلْمَكْرُ جَمِيعًا ۖ
يَعْلَمُ مَا تَكْسِبُ كُلُّ نَفْسٍ ۗ وَسَيَعْلَمُ ٱلْكُفَّٰرُ لِمَنْ عُقْبَى ٱلدَّارِ ﴿42﴾

35. It-tixbiha tal-Ġenna mwiegħda lil dawk li jibżgħu minn Alla *(hija din)*: ix-xmajjar jiġru taħtha, l-ikel tagħha u d-dell tagħha huma għal dejjem. Dak huwa tmiem dawk li kellhom il-biża' ta' Alla, iżda tmiem dawk li ma jemmnux huwa n-Nar!

36. U dawk li tajniehom il-Ktieb jifirħu b'li tniżżillek *(Muħammad)*, iżda whud mill-ġemgħat *(li ngħaqdu biex jeħduha kontrik)* jiċħdu taqsimiet minnu. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Jiena ma ngħatajtx għajr l-amar li nqim lil Alla, u ma nxierek *(lil ħadd aktar)* miegħu. Lilu nsejjaħ, u għandu nerġa' lura."

37. Hekk ukoll *(dan il-Qoran)* niżżilnieh bħala għerf u ħaqq bl-ilsien Għarbi. Li kieku *(Muħammad)* kellek timxi wara x-xewqat tagħhom, wara l-għarfien *(kollu)* li ġiek, ma kienx ikollok min jieħu ħsiebek u jħarsek minn Alla.

38. Aħna tassew bgħatna Mibgħutin qablek, u tajniehom nisa u nisel. U ebda Mibgħut ma *(seta')* iġib xi sinjal jekk mhux bir-rieda ta' Alla. Għal kull żmien hemm Ktieb *(imħejji)*.

39. Alla jħassar *(mill-Ktieb)* u jwettaq *(fih)* dak li jrid, u għandu tinsab Omm il-Ktieb *(il-verżjoni oriġinali tal-Kotba mqaddsa u d-digrieti divini)*.

40. Jekk nuruk xi ħaġa minn dak *(il-kastig)* li wegħedniehom jew *(inkella)* intemmulek ħajtek *(biex tinġabar magħna – din ma hijiex xi ħaġa tiegħek)*. Inti dmirek huwa li xxandar *(it-tagħlim ta' l-Islam)*, u xogħolna huwa *(li nagħmlu)* il-kont *(magħhom fl-Aħħar Jum)*.

41. Mela *(dawk li ċaħdu t-twemmin)* ma rawx li Aħna niġu fl-art *(bil-Mibgħutin tagħna, u nagħtuha lin-nies ta' twemmin)*, filwaqt li nnaqqsuha mit-truf tagħha *(lil dawk li ċaħdu r-reliġjon safja)*? Alla jagħmel ħaqq. Ħadd *(u xejn)* ma jżomm il-ħaqq tiegħu! Huwa malajr jagħmel il-kontijiet.

42. Dawk ta' qabilhom nassu, iżda kull tnassis huwa ta' Alla; Huwa jaf b'dak li tikseb kull ruħ *(għaliha nnifisha)*. Dawk li ma jemmnux se jkunu jafu għal min huwa t-tmiem *(mill-isbaħ)* fid-Dar *(ta' dejjem)*.

وَيَقُولُ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لَسْتَ مُرْسَلًا ۚ قُلْ كَفَىٰ بِٱللَّهِ
شَهِيدًۢا بَيْنِى وَبَيْنَكُمْ وَمَنْ عِندَهُۥ عِلْمُ ٱلْكِتَٰبِ ﴿43﴾

سُورَةُ إِبْرَٰهِيمَ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

الٓر ۚ كِتَٰبٌ أَنزَلْنَٰهُ إِلَيْكَ لِتُخْرِجَ ٱلنَّاسَ مِنَ ٱلظُّلُمَٰتِ
إِلَى ٱلنُّورِ بِإِذْنِ رَبِّهِمْ إِلَىٰ صِرَٰطِ ٱلْعَزِيزِ ٱلْحَمِيدِ ﴿1﴾
ٱللَّهِ ٱلَّذِى لَهُۥ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِى ٱلْأَرْضِ ۗ وَوَيْلٌ
لِّلْكَٰفِرِينَ مِنْ عَذَابٍ شَدِيدٍ ﴿2﴾ ٱلَّذِينَ يَسْتَحِبُّونَ
ٱلْحَيَوٰةَ ٱلدُّنْيَا عَلَى ٱلْءَاخِرَةِ وَيَصُدُّونَ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ
وَيَبْغُونَهَا عِوَجًا ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ فِى ضَلَٰلٍۭ بَعِيدٍ ﴿3﴾ وَمَآ أَرْسَلْنَا
مِن رَّسُولٍ إِلَّا بِلِسَانِ قَوْمِهِۦ لِيُبَيِّنَ لَهُمْ ۖ فَيُضِلُّ ٱللَّهُ
مَن يَشَآءُ وَيَهْدِى مَن يَشَآءُ ۚ وَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ
﴿4﴾ وَلَقَدْ أَرْسَلْنَا مُوسَىٰ بِـَٔايَٰتِنَآ أَنْ أَخْرِجْ
قَوْمَكَ مِنَ ٱلظُّلُمَٰتِ إِلَى ٱلنُّورِ وَذَكِّرْهُم بِأَيَّىٰمِ
ٱللَّهِ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَٰتٍ لِّكُلِّ صَبَّارٍ شَكُورٍ ﴿5﴾

43. Dawk li ċaħdu t-twemmin jgħidu: "Inti *(Muħammad)* m'intix Mibgħut *(ta' Alla)*." Għid*(ilhom)*: "Alla huwa biżżejjed bħala Xhud bejni u bejnkom, u *(ix-xhieda ta')* min għandu l-għarfien tal-Ktieb."

14. *Sūrat 'Ibrāhīm*

(Suret Abraham – Niżlet f'Mekka bi 52 vers)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Hanin.

1. *'Alif. Lām. Rā'*. Ktieb li niżżilnielek *(Muħammad)* biex *(bih)* toħroġ lin-nies mid-dlamijiet għad-dawl, bir-rieda ta' Sidhom *(il-Mulej)*, lejn triq il-Felħan, li jistħoqq kull tifħir;
2. *(triq)* Alla li tiegħu huwa kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art *(u ma jeħtieġ lil ħadd)*. Ħażin għal dawk li ċaħdu t-twemmin, minħabba l-kastig il-qalil *(li se jmisshom)*,
3. dawk li jħobbu aktar il-ħajja f'*(din)* id-dinja milli l-Oħra, iżommu *(lil ħaddieħor)* mit-triq ta' Alla *(li hi l-Islam)*, u jixtiquha mgħawġa *(bil-gideb u x-xewqat tagħhom)*. Dawk huma f'telfien kbir *(u jinsabu maqtugħin għalihom)*.
4. Ma bgħatna ebda Mibgħut jekk mhux bi lsien niesu, biex ifehemhom biċ-ċar *(id-digrieti ta' Alla)*. Alla jtellef it-triq lil min irid, u juriha lil min irid. Huwa l-Qawwi, l-Għaref.
5. Tabilħaqq bgħatna lil Mosè bis-sinjali tagħna *(u għednielu)*: "Oħroġ lil niesek mid-dlamijiet għad-dawl, u fakkarhom f'Jiem Alla. F'dan tabilħaqq hemm sinjali għal kulmin iżomm b'sabru u jiżżi ħajr."

وَإِذْ قَالَ مُوسَىٰ لِقَوْمِهِ اذْكُرُوا نِعْمَةَ اللَّهِ عَلَيْكُمْ
إِذْ أَنجَاكُم مِّنْ آلِ فِرْعَوْنَ يَسُومُونَكُمْ سُوءَ الْعَذَابِ
وَيُذَبِّحُونَ أَبْنَاءَكُمْ وَيَسْتَحْيُونَ نِسَاءَكُمْ ۚ وَفِي
ذَٰلِكُم بَلَاءٌ مِّن رَّبِّكُمْ عَظِيمٌ ﴿6﴾ وَإِذْ تَأَذَّنَ
رَبُّكُمْ لَئِن شَكَرْتُمْ لَأَزِيدَنَّكُمْ وَلَئِن كَفَرْتُمْ إِنَّ
عَذَابِي لَشَدِيدٌ ﴿7﴾ وَقَالَ مُوسَىٰ إِن تَكْفُرُوا أَنتُمْ وَمَن فِي الْأَرْضِ
جَمِيعًا فَإِنَّ اللَّهَ لَغَنِيٌّ حَمِيدٌ ﴿8﴾ أَلَمْ يَأْتِكُمْ نَبَأُ الَّذِينَ
مِن قَبْلِكُمْ قَوْمِ نُوحٍ وَعَادٍ وَثَمُودَ وَالَّذِينَ مِن
بَعْدِهِمْ ۚ لَا يَعْلَمُهُمْ إِلَّا اللَّهُ ۚ جَاءَتْهُمْ رُسُلُهُم بِالْبَيِّنَاتِ
فَرَدُّوا أَيْدِيَهُمْ فِي أَفْوَاهِهِمْ وَقَالُوا إِنَّا كَفَرْنَا بِمَا أُرْسِلْتُم
بِهِ وَإِنَّا لَفِي شَكٍّ مِّمَّا تَدْعُونَنَا إِلَيْهِ مُرِيبٍ ﴿9﴾ قَالَتْ
رُسُلُهُمْ أَفِي اللَّهِ شَكٌّ فَاطِرِ السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضِ ۖ يَدْعُوكُمْ
لِيَغْفِرَ لَكُم مِّن ذُنُوبِكُمْ وَيُؤَخِّرَكُمْ إِلَىٰ أَجَلٍ
مُّسَمًّى ۚ قَالُوا إِنْ أَنتُمْ إِلَّا بَشَرٌ مِّثْلُنَا تُرِيدُونَ أَن تَصُدُّونَا
عَمَّا كَانَ يَعْبُدُ آبَاؤُنَا فَأْتُونَا بِسُلْطَانٍ مُّبِينٍ ﴿10﴾

نصف الحزب 26

6. U *(ftakar)* meta Mosè qal lil niesu: "Ftakru fil-grazzja ta' Alla fuqkom meta ħeliskom minn nies il-Fargħun li kienu jġarrbukom bl-agħar tbatija: ibiċċru lil uliedkom *(subien)*, filwaqt li jħallu lin-nisa tagħkom ħajjin. F'dan kien hemm tiġrib kbir minn Sidkom *(il-Mulej)*."
7. U *(ftakar)* meta Sidkom ħabbar *(hekk)*: "Jekk tiżżu ħajr *(ta' kulma għamilt magħkom)*, tabilħaqq inżidkom *(fil-barkiet)*, iżda jekk tiċħdu *(il-grazzji tiegħi u ma tiżżux ħajr)*, il-kastig tiegħi jkun tassew qalil!"
8. Mosè qal *(lil niesu)*: "Jekk intom, u kulmin jinsab fuq l-art, ma temmnux, *(kunu afu li)* Alla tabilħaqq Għani *(u ma jeħtiġkomx)*, u jistħoqq kull tifħir."
9. Jaqaw ma waslitilkomx l-aħbar ta' dawk ta' qabilkom, *(jiġifieri)* nies Noè, *(u t-tribujiet ta')* Għād u Ṯamūd, u ta' dawk li ġew warajhom, li ħadd ma jaf bihom għajr Alla? Il-Mibgħutin tagħhom ġewhom bis-sinjali ċ-ċari, iżda huma qiegħdu idejhom fuq ħalqhom u qalu: "Aħna tabilħaqq niċħdu dak *(li qegħdin tgħidu)* li intom Mibgħutin bih *(u niċħdu lilkom ukoll)*, u aħna tabilħaqq ninsabu f'dubju *(li jħallina)* bejn ħalltejn dwar dak li qegħdin issejħulna għalih."
10. Il-Mibgħutin tagħhom qalu*(lhom)*: "Hemm xi dubju dwar Alla, Ħallieq is-smewwiet u l-art? Huwa jsejħilkom biex jaħfrilkom dnubietkom, u jagħtikom aktar ħin *(biex temmnu, tindmu, u tgħixu ħajja xierqa)*, sa żmien imsemmi." Qalu: "M'intomx għajr nies bħalna, u tridu żżommuna minn dak li missirijietna kienu jqimu. Mela ġibulna xi prova ċara *(dwar il-missjoni tagħkom)*!"

قَالَتْ لَهُمْ رُسُلُهُمْ إِن نَّحْنُ إِلَّا بَشَرٌ مِّثْلُكُمْ وَلَٰكِنَّ ٱللَّهَ
يَمُنُّ عَلَىٰ مَن يَشَآءُ مِنْ عِبَادِهِۦ ۖ وَمَا كَانَ لَنَآ أَن نَّأْتِيَكُم
بِسُلْطَٰنٍ إِلَّا بِإِذْنِ ٱللَّهِ ۚ وَعَلَى ٱللَّهِ فَلْيَتَوَكَّلِ ٱلْمُؤْمِنُونَ
﴿11﴾ وَمَا لَنَآ أَلَّا نَتَوَكَّلَ عَلَى ٱللَّهِ وَقَدْ هَدَىٰنَا سُبُلَنَا ۚ
وَلَنَصْبِرَنَّ عَلَىٰ مَآ ءَاذَيْتُمُونَا ۚ وَعَلَى ٱللَّهِ فَلْيَتَوَكَّلِ ٱلْمُتَوَكِّلُونَ
﴿12﴾ وَقَالَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لِرُسُلِهِمْ لَنُخْرِجَنَّكُم مِّنْ
أَرْضِنَآ أَوْ لَتَعُودُنَّ فِى مِلَّتِنَا ۖ فَأَوْحَىٰٓ إِلَيْهِمْ رَبُّهُمْ لَنُهْلِكَنَّ
ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿13﴾ وَلَنُسْكِنَنَّكُمُ ٱلْأَرْضَ مِنۢ بَعْدِهِمْ ۚ
ذَٰلِكَ لِمَنْ خَافَ مَقَامِى وَخَافَ وَعِيدِ ﴿14﴾ وَٱسْتَفْتَحُوا۟
وَخَابَ كُلُّ جَبَّارٍ عَنِيدٍ ﴿15﴾ مِّن وَرَآئِهِۦ جَهَنَّمُ وَيُسْقَىٰ
مِن مَّآءٍ صَدِيدٍ ﴿16﴾ يَتَجَرَّعُهُۥ وَلَا يَكَادُ يُسِيغُهُۥ
وَيَأْتِيهِ ٱلْمَوْتُ مِن كُلِّ مَكَانٍ وَمَا هُوَ بِمَيِّتٍ ۖ وَمِن
وَرَآئِهِۦ عَذَابٌ غَلِيظٌ ﴿17﴾ مَّثَلُ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ بِرَبِّهِمْ ۖ
أَعْمَٰلُهُمْ كَرَمَادٍ ٱشْتَدَّتْ بِهِ ٱلرِّيحُ فِى يَوْمٍ عَاصِفٍ ۖ لَّا يَقْدِرُونَ
مِمَّا كَسَبُوا۟ عَلَىٰ شَىْءٍ ۚ ذَٰلِكَ هُوَ ٱلضَّلَٰلُ ٱلْبَعِيدُ ﴿18﴾

11. Il-Mibgħutin tagħhom qalu*(lhom)*: "Aħna tabilħaqq bnedmin bħalkom, iżda Alla jaħseb f'min irid mill-qaddejja tiegħu, u ma għandniex għalfejn inġibulkom xi prova, jekk mhux bir-rieda ta' Alla. F'idejn Alla għandhom iħallu dawk li jemmnu.
12. U għalfejn ma nħallux f'idejn Alla wara li wriena triqatna *(li fihom għandna nimxu)*? Aħna tabilħaqq se nistabru *(u nżommu sod)* minkejja li tweġġgħuna. Ħa jħallu f'idejn Alla dawk *(kollha)* li jafdaw!"
13. Dawk li ċaħdu t-twemmin qalu lill-Mibgħutin tagħhom: "Aħna tabilħaqq noħorġukom minn artna, jew *(inkella)* terġgħu lura għat-twemmin tagħna!" Sidhom *(il-Mulej)* nebbaħhom *(hekk lill-Mibgħutin tiegħu)*: "Aħna tabilħaqq neqirdu lill-ħżiena,
14. u warajhom inħallukom tgħammru fl-art. Dan għal min jibża' mill-waqfa quddiemi *(fl-Aħħar Jum)*, u jibża' mit-theddida tiegħi."
15. Huma talbu *(lil Alla)* jagħtihom ir-rebħa, u kull tirann ta' rasu iebsa baqa' b'xejn.
16. Warajh hemm l-Infern, u jingħata jixrob miskun jinten.
17. Huwa jixorbu boqqa boqqa, iżda bilkemm ikun jista' jibilgħu *(għaliex jagħli u ħażin wisq)*. Il-mewt tiġi fuqu minn kullimkien, iżda huwa ma jmutx. Quddiemu hemm kastig *(ieħor, aktar)* iebes *(minn ta' qablu)*.
18. It-tixbiha ta' dawk li jiċħdu lil Sidhom *(il-Mulej hija din)*: l-għemejjel tagħhom huma bħal irmied li r-riħ nefaħ fuqu bil-qawwa, f'jum ta' maltemp *(u ġew fix-xejn)*. Huma ma għandhom setgħa fuq xejn minn dak li kisbu. Dak huwa t-telfien il-kbir.

أَلَمْ تَرَ أَنَّ ٱللَّهَ خَلَقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ بِٱلْحَقِّ ۚ إِن يَشَأْ
يُذْهِبْكُمْ وَيَأْتِ بِخَلْقٍ جَدِيدٍ ﴿19﴾ وَمَا ذَٰلِكَ عَلَى ٱللَّهِ بِعَزِيزٍ
﴿20﴾ وَبَرَزُوا۟ لِلَّهِ جَمِيعًا فَقَالَ ٱلضُّعَفَٰٓؤُا۟ لِلَّذِينَ ٱسْتَكْبَرُوٓا۟
إِنَّا كُنَّا لَكُمْ تَبَعًا فَهَلْ أَنتُم مُّغْنُونَ عَنَّا مِنْ عَذَابِ ٱللَّهِ
مِن شَىْءٍ ۚ قَالُوا۟ لَوْ هَدَىٰنَا ٱللَّهُ لَهَدَيْنَٰكُمْ ۖ سَوَآءٌ عَلَيْنَآ
أَجَزِعْنَآ أَمْ صَبَرْنَا مَا لَنَا مِن مَّحِيصٍ ﴿21﴾ وَقَالَ ٱلشَّيْطَٰنُ
لَمَّا قُضِىَ ٱلْأَمْرُ إِنَّ ٱللَّهَ وَعَدَكُمْ وَعْدَ ٱلْحَقِّ وَوَعَدتُّكُمْ
فَأَخْلَفْتُكُمْ ۖ وَمَا كَانَ لِىَ عَلَيْكُم مِّن سُلْطَٰنٍ إِلَّآ أَن دَعَوْتُكُمْ
فَٱسْتَجَبْتُمْ لِى ۖ فَلَا تَلُومُونِى وَلُومُوٓا۟ أَنفُسَكُم ۖ مَّآ أَنَا۠
بِمُصْرِخِكُمْ وَمَآ أَنتُم بِمُصْرِخِىَّ ۖ إِنِّى كَفَرْتُ بِمَآ
أَشْرَكْتُمُونِ مِن قَبْلُ ۗ إِنَّ ٱلظَّٰلِمِينَ لَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ
﴿22﴾ وَأُدْخِلَ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ جَنَّٰتٍ
تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ خَٰلِدِينَ فِيهَا بِإِذْنِ رَبِّهِمْ ۖ تَحِيَّتُهُمْ
فِيهَا سَلَٰمٌ ﴿23﴾ أَلَمْ تَرَ كَيْفَ ضَرَبَ ٱللَّهُ مَثَلًا كَلِمَةً طَيِّبَةً
كَشَجَرَةٍ طَيِّبَةٍ أَصْلُهَا ثَابِتٌ وَفَرْعُهَا فِى ٱلسَّمَآءِ ﴿24﴾

19. Mela ma rajtx li Alla ħalaq is-smewwiet u l-art bis-sewwa. Jekk irid, *(jista')* jeqridkom u jġib ħolqien ġdid *(li joqgħod għad-digrieti tiegħu)*.
20. Dak, għal Alla, ma huwiex xi ħaġa tqila.
21. Ilkoll għad jidhru quddiem Alla, u d-dgħajfin jgħidu lil dawk li tkabbru: "Aħna tabilħaqq imxejna warajkom. *(Issa)* tistgħu teħilsuna mill-kastig ta' Alla?" Huma jgħidu: "Kieku Alla mexxiena *(fit-triq tiegħu)*, konna mmexxukom *(fiha)*. U *(issa)* xorta waħda għalina, sew jekk nitilfu sabarna, u sew jekk nistabru: ma għandniex minn fejn naħarbu."
22. U meta l-kwistjoni tkun inqatgħet, ix-Xitan jgħid: "Tassew li Alla wegħedkom il-wegħda tas-sewwa, u *(jiena wkoll)* wegħedtkom *(u għedtilkom li ma hemmx qawmien mill-imwiet, u ma hemmx kastig)*, iżda ma żammejtx kelmti magħkom. Jiena ma kelli ebda setgħa fuqkom, ħlief li sejjaħtilkom *(bit-tfesfis tiegħi)*, u weġibtuni. Mela *(issa li wasaltu hawn fl-Infern)* tlumunix, u lumu lilkom infuskom. Jiena ma nistax ngħinkom, u intom ma tistgħux tgħinuni. Jiena niċħad *(għemilkom li bih)*, qabel, għamiltuni xrik ma' Alla. Tabilħaqq li l-ħżiena għandhom kastig ta' wġigħ."
23. U dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba jiddaħħlu f'Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom jgħammru għal dejjem, bir-rieda ta' Sidhom *(il-Mulej)*. U t-tislima tagħhom, fihom, tkun: "Sliem!"
24. Mela ma tarax kif Alla jxebbah kelma tajba: *(hija bħal)* siġra tajba bl-għerq tagħha maqbud sew *(f'qiegħ l-art)*, u bil-fergħa tagħha fis-sema,

تُؤْتِيٓ أُكُلَهَا كُلَّ حِينٍۭ بِإِذْنِ رَبِّهَا ۗ وَيَضْرِبُ ٱللَّهُ ٱلْأَمْثَالَ
لِلنَّاسِ لَعَلَّهُمْ يَتَذَكَّرُونَ ﴿25﴾ وَمَثَلُ كَلِمَةٍ خَبِيثَةٍ
كَشَجَرَةٍ خَبِيثَةٍ ٱجْتُثَّتْ مِن فَوْقِ ٱلْأَرْضِ مَا لَهَا مِن قَرَارٍ
﴿26﴾ يُثَبِّتُ ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ بِٱلْقَوْلِ ٱلثَّابِتِ فِى ٱلْحَيَوٰةِ
ٱلدُّنْيَا وَفِى ٱلْءَاخِرَةِ ۖ وَيُضِلُّ ٱللَّهُ ٱلظَّٰلِمِينَ ۚ وَيَفْعَلُ
ٱللَّهُ مَا يَشَآءُ ﴿27﴾ ۞ أَلَمْ تَرَ إِلَى ٱلَّذِينَ بَدَّلُوا۟ نِعْمَتَ ٱللَّهِ كُفْرًا
وَأَحَلُّوا۟ قَوْمَهُمْ دَارَ ٱلْبَوَارِ ﴿28﴾ جَهَنَّمَ يَصْلَوْنَهَا ۖ وَبِئْسَ
ٱلْقَرَارُ ﴿29﴾ وَجَعَلُوا۟ لِلَّهِ أَندَادًا لِّيُضِلُّوا۟ عَن سَبِيلِهِۦ ۗ قُلْ
تَمَتَّعُوا۟ فَإِنَّ مَصِيرَكُمْ إِلَى ٱلنَّارِ ﴿30﴾ قُل لِّعِبَادِىَ ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ يُقِيمُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ وَيُنفِقُوا۟ مِمَّا رَزَقْنَٰهُمْ سِرًّا وَعَلَانِيَةً
مِّن قَبْلِ أَن يَأْتِىَ يَوْمٌ لَّا بَيْعٌ فِيهِ وَلَا خِلَٰلٌ ﴿31﴾ ٱللَّهُ ٱلَّذِى خَلَقَ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ وَأَنزَلَ مِنَ ٱلسَّمَآءِ مَآءً فَأَخْرَجَ
بِهِۦ مِنَ ٱلثَّمَرَٰتِ رِزْقًا لَّكُمْ ۖ وَسَخَّرَ لَكُمُ ٱلْفُلْكَ لِتَجْرِىَ
فِى ٱلْبَحْرِ بِأَمْرِهِۦ ۖ وَسَخَّرَ لَكُمُ ٱلْأَنْهَٰرَ ﴿32﴾ وَسَخَّرَ لَكُمُ
ٱلشَّمْسَ وَٱلْقَمَرَ دَآئِبَيْنِ ۖ وَسَخَّرَ لَكُمُ ٱلَّيْلَ وَٱلنَّهَارَ ﴿33﴾

ثلاثة أرباع الحزب 26

25. u tagħti l-frott tagħha f'kull ħin, bir-rieda ta' Sidha. Alla jagħti t-tixbihat lin-nies biex forsi jiftakru *(u jixtarru t-tagħlim ta' Alla)*.
26. U kelma ħażina tixbah lil siġra ħażina: hija titqaċċat minn fuq l-art, u ma tistax tieqaf *(waħidha)*.
27. Alla jsaħħaħ lil dawk li jemmnu fil-Kelma soda fil-ħajja *(f'din)* id-dinja u fl-Oħra, u lill-ħżiena joħroġhom mit-triq it-tajba. Alla jagħmel li jrid!
28. Mela ma rajtx lil dawk li biddlu l-grazzja *(u l-barkiet)* ta' Alla f'ċaħda tat-twemmin, u qiegħdu lil nieshom f'Dar il-ħerba,
29. fl-Infern, fejn jinxtwew? Ta' għajb il-qagħda *(tagħhom f'dan l-imkien)*!
30. Huma, lil Alla, għamlu*(lu)* ixirka *(li dehrilhom li huma)* daqsu, biex itellfu t-triq *(lil ħaddieħor)*. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Thennew *(għal ftit taż-żmien ieħor)*! Tabilħaqq li tmiemkom lejn in-Nar!"
31. Għid *(Muħammad)* lill-qaddejja tiegħi li emmnu, biex jagħmlu t-talb u jonfqu *(fil-karità)* mill-ġid li tajniehom, bil-moħbi jew fil-beraħ, qabel ma jasal Jum li fih la jkun hemm bejgħ *(u xiri)*, u lanqas ħbiberija.
32. Huwa Alla li ħalaq is-smewwiet u l-art, iniżżel l-ilma mis-sema u joħroġ bih minn *(kull għamla)* ta' frott għall-għajxien tagħkom, li qiegħed l-imriekeb għall-qadi tagħkom biex jiġru fil-baħar bir-rieda tiegħu, u qiegħed ix-xmajjar għall-qadi tagħkom.
33. Huwa qiegħed għall-qadi tagħkom ix-xemx u l-qamar, sħaħ fid-dawrien tagħhom, u qiegħed għall-qadi tagħkom il-lejl u n-nhar.

وَءَاتَىٰكُم مِّن كُلِّ مَا سَأَلْتُمُوهُ ۚ وَإِن تَعُدُّوا۟ نِعْمَتَ ٱللَّهِ
لَا تُحْصُوهَآ ۗ إِنَّ ٱلْإِنسَٰنَ لَظَلُومٌ كَفَّارٌ ﴿34﴾ وَإِذْ
قَالَ إِبْرَٰهِيمُ رَبِّ ٱجْعَلْ هَٰذَا ٱلْبَلَدَ ءَامِنًا وَٱجْنُبْنِى وَبَنِىَّ
أَن نَّعْبُدَ ٱلْأَصْنَامَ ﴿35﴾ رَبِّ إِنَّهُنَّ أَضْلَلْنَ كَثِيرًا مِّنَ ٱلنَّاسِ ۖ
فَمَن تَبِعَنِى فَإِنَّهُۥ مِنِّى ۖ وَمَنْ عَصَانِى فَإِنَّكَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿36﴾
رَّبَّنَآ إِنِّىٓ أَسْكَنتُ مِن ذُرِّيَّتِى بِوَادٍ غَيْرِ ذِى زَرْعٍ عِندَ بَيْتِكَ
ٱلْمُحَرَّمِ رَبَّنَا لِيُقِيمُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ فَٱجْعَلْ أَفْـِٔدَةً مِّنَ ٱلنَّاسِ
تَهْوِىٓ إِلَيْهِمْ وَٱرْزُقْهُم مِّنَ ٱلثَّمَرَٰتِ لَعَلَّهُمْ يَشْكُرُونَ ﴿37﴾
رَبَّنَآ إِنَّكَ تَعْلَمُ مَا نُخْفِى وَمَا نُعْلِنُ ۗ وَمَا يَخْفَىٰ عَلَى ٱللَّهِ مِن شَىْءٍ
فِى ٱلْأَرْضِ وَلَا فِى ٱلسَّمَآءِ ﴿38﴾ ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ ٱلَّذِى وَهَبَ لِى
عَلَى ٱلْكِبَرِ إِسْمَٰعِيلَ وَإِسْحَٰقَ ۚ إِنَّ رَبِّى لَسَمِيعُ ٱلدُّعَآءِ ﴿39﴾
رَبِّ ٱجْعَلْنِى مُقِيمَ ٱلصَّلَوٰةِ وَمِن ذُرِّيَّتِى ۚ رَبَّنَا وَتَقَبَّلْ
دُعَآءِ ﴿40﴾ رَبَّنَا ٱغْفِرْ لِى وَلِوَٰلِدَىَّ وَلِلْمُؤْمِنِينَ يَوْمَ يَقُومُ
ٱلْحِسَابُ ﴿41﴾ وَلَا تَحْسَبَنَّ ٱللَّهَ غَٰفِلًا عَمَّا يَعْمَلُ
ٱلظَّٰلِمُونَ ۚ إِنَّمَا يُؤَخِّرُهُمْ لِيَوْمٍ تَشْخَصُ فِيهِ ٱلْأَبْصَٰرُ ﴿42﴾

34. Huwa takom minn kulma tlabtuh, u jekk *(tippruvaw)* tgħoddu l-grazzja *(u l-barkiet)* ta' Alla, *(tintebħu li)* ma tistgħux tgħodduhom. Tabilħaqq li l-bniedem huwa wisq inġust, wisq ingrat.

35. *(Ftakar)* meta Abraham qal: "Sidi *(il-Mulej)*, agħmel din il-belt *(ta' Mekka)* imkien ta' ħarsien *(u sliem)*, u warrab lili u lil uliedi mill-qima ta' l-idoli.

36. Sidi, huma tellfu t-triq lil ħafna nies. Għalhekk min jimxi warajja, huwa minni *(u miegħi)*, u min ma jobdinix, Inti *(Mulej)* tabilħaqq kollok maħfra, Ħanin.

37. Sidna, jiena qegħedt lil uħud minn nisli *(jiġifieri lil ibni Ismagħel u lil marti Hāġar)* biex jgħammru f'wied mhux miżrugħ, qrib Darek l-imqaddsa *(f'Mekka)*, Sidna *(il-Mulej)*, biex jagħmlu t-talb. Mela agħmel li l-qlub ta' wħud mill-bnedmin imilu lejhom, u għajjixhom bil-frott biex forsi jiżżu ħajr *(ta' kulma għamilt magħhom)*.

38. Sidna *(il-Mulej)*, Inti taf dak li naħbu u dak li nuru. Ma hemm xejn moħbi minn Alla fl-art, u lanqas fis-sema.

39. It-tifħir lil Alla li fix-xjuħija tani lil Ismagħel u lil Iżakk. Sidi tabilħaqq jisma' *(u jilqa')* it-talb.

40. Sidi, agħmel minni bniedem li jagħmel it-talb, u minn nisli *(ukoll agħmel li jkun hemm min jgħożż it-talb bħali)*. Sidna, ilqa' t-talba tiegħi.

41. Sidna *(il-Mulej)*, aħfer lili, lill-ġenituri tiegħi, u lil dawk *(kollha)* li jemmnu, fil-Jum meta jsiru l-kontijiet."

42. La taħsibx li Alla ma jintebaħx b'dak li jagħmlu l-ħżiena. Huwa qiegħed biss iħallihom għal ħin ieħor, għal Jum meta l-għajnejn għad jiċċassaw *(bil-biża')*.

مُهْطِعِينَ مُقْنِعِي رُءُوسِهِمْ لَا يَرْتَدُّ إِلَيْهِمْ طَرْفُهُمْ ۖ وَأَفْئِدَتُهُمْ
هَوَاءٌ ﴿43﴾ وَأَنذِرِ النَّاسَ يَوْمَ يَأْتِيهِمُ الْعَذَابُ فَيَقُولُ الَّذِينَ
ظَلَمُوا رَبَّنَا أَخِّرْنَا إِلَىٰ أَجَلٍ قَرِيبٍ نُّجِبْ دَعْوَتَكَ وَنَتَّبِعِ
الرُّسُلَ ۗ أَوَلَمْ تَكُونُوا أَقْسَمْتُم مِّن قَبْلُ مَا لَكُم
مِّن زَوَالٍ ﴿44﴾ وَسَكَنتُمْ فِي مَسَاكِنِ الَّذِينَ ظَلَمُوا
أَنفُسَهُمْ وَتَبَيَّنَ لَكُمْ كَيْفَ فَعَلْنَا بِهِمْ وَضَرَبْنَا
لَكُمُ الْأَمْثَالَ ﴿45﴾ وَقَدْ مَكَرُوا مَكْرَهُمْ وَعِندَ اللَّهِ
مَكْرُهُمْ وَإِن كَانَ مَكْرُهُمْ لِتَزُولَ مِنْهُ الْجِبَالُ
﴿46﴾ فَلَا تَحْسَبَنَّ اللَّهَ مُخْلِفَ وَعْدِهِ رُسُلَهُ ۚ إِنَّ اللَّهَ عَزِيزٌ
ذُو انتِقَامٍ ﴿47﴾ يَوْمَ تُبَدَّلُ الْأَرْضُ غَيْرَ الْأَرْضِ وَالسَّمَاوَاتُ ۖ
وَبَرَزُوا لِلَّهِ الْوَاحِدِ الْقَهَّارِ ﴿48﴾ وَتَرَى الْمُجْرِمِينَ يَوْمَئِذٍ
مُّقَرَّنِينَ فِي الْأَصْفَادِ ﴿49﴾ سَرَابِيلُهُم مِّن قَطِرَانٍ وَتَغْشَىٰ
وُجُوهَهُمُ النَّارُ ﴿50﴾ لِيَجْزِيَ اللَّهُ كُلَّ نَفْسٍ مَّا كَسَبَتْ ۚ
إِنَّ اللَّهَ سَرِيعُ الْحِسَابِ ﴿51﴾ هَٰذَا بَلَاغٌ لِّلنَّاسِ وَلِيُنذَرُوا
بِهِ وَلِيَعْلَمُوا أَنَّمَا هُوَ إِلَٰهٌ وَاحِدٌ وَلِيَذَّكَّرَ أُولُو الْأَلْبَابِ ﴿52﴾

43. Huma jiġru mwerwrin b'ħarsithom ċassa, bi rjushom merfugħa 'l fuq, mingħajr ma jteptpu *(lanqas darba)* għajnejhom, u qlubhom vojta *(minħabba l-biża' kbir li jaħkimhom)*.

44. Wissi *(Muħammad)* lin-nies dwar il-Jum li fih jiġihom il-kastig. Dawk li għamlu l-ħażen għad jgħidu: "Sidna, agħtina mqar ftit tal-ħin ieħor. Aħna nwieġbu s-sejħa tiegħek, u nimxu wara *(il-bxara li ġew biha)* il-Mibgħutin." *(U Alla l-Imbierek iweġibhom)*: "Mela qabel ma kontux ħliftu li m'intomx se tinqerdu *(minn wiċċ l-art)*?

45. Intom għextu fi djar dawk li *(fl-imgħoddi kienu)* naqsu kontra tagħhom infushom, u kontu tafu sewwa x'għamilnielhom, u tajniekom it-tixbihat *(dwarhom, biex fl-aħħar tifhmu)*."

46. Huma nassu t-tnassis tagħhom, iżda Alla kien jaf bit-tnassis tagħhom, minkejja li dak li nassu kien *(qalil)* biżżejjed biex bih iżulu l-iġbla.

47. La taħsibx li Alla jmur lura mill-wegħda mal-Mibgħutin tiegħu *(li għad joħroġhom rebbiħin, u jeqred lill-ħżiena)*. Alla tabilħaqq Qawwi, u jaf kif ipattiha.

48. Fil-Jum meta l-art titbiddel f'art oħra *(ġdida, li ma tafx b'ħażen)*, u s-smewwiet *(ukoll jiġrilhom hekk)*, u *(l-bnedmin kollha)* jidhru quddiem Alla l-Wieħed, li jegħleb lil kollox u lil kulħadd,

49. u tara lill-ħatjin, dakinhar, imxekklin flimkien bil-ktajjen,

50. ilbieshom *(magħmul)* mill-qatran *(biex jaqbdu malajr)*, u n-Nar jiksi l-uċuħ tagħhom;

51. biex Alla jħallas lil kull ruħ ta' dak li kisbet *(b'għemilha)*. Alla tabilħaqq malajr jagħmel il-kontijiet.

52. Dan *(il-Qoran huwa)* taħbira lin-nies biex jitwiddbu biha, u jkunu jafu li Huwa Alla Wieħed. U ħalli jiftakru *(u jixtarru)* dawk ta' dehen!

سُورَةُ الحِجْرِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

الجزء 14
الحزب 27

الٓرۚ تِلْكَ ءَايَٰتُ ٱلْكِتَٰبِ وَقُرْءَانٍ مُّبِينٍ ﴿1﴾ رُّبَمَا يَوَدُّ
ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لَوْ كَانُوا۟ مُسْلِمِينَ ﴿2﴾ ذَرْهُمْ يَأْكُلُوا۟
وَيَتَمَتَّعُوا۟ وَيُلْهِهِمُ ٱلْأَمَلُ فَسَوْفَ يَعْلَمُونَ ﴿3﴾ وَمَآ أَهْلَكْنَا
مِن قَرْيَةٍ إِلَّا وَلَهَا كِتَابٌ مَّعْلُومٌ ﴿4﴾ مَّا تَسْبِقُ مِنْ أُمَّةٍ
أَجَلَهَا وَمَا يَسْتَـْٔخِرُونَ ﴿5﴾ وَقَالُوا۟ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِى نُزِّلَ عَلَيْهِ
ٱلذِّكْرُ إِنَّكَ لَمَجْنُونٌ ﴿6﴾ لَّوْ مَا تَأْتِينَا بِٱلْمَلَٰٓئِكَةِ إِن كُنتَ
مِنَ ٱلصَّٰدِقِينَ ﴿7﴾ مَا نُنَزِّلُ ٱلْمَلَٰٓئِكَةَ إِلَّا بِٱلْحَقِّ وَمَا كَانُوٓا۟
إِذًا مُّنظَرِينَ ﴿8﴾ إِنَّا نَحْنُ نَزَّلْنَا ٱلذِّكْرَ وَإِنَّا لَهُۥ لَحَٰفِظُونَ ﴿9﴾
وَلَقَدْ أَرْسَلْنَا مِن قَبْلِكَ فِى شِيَعِ ٱلْأَوَّلِينَ ﴿10﴾ وَمَا يَأْتِيهِم مِّن
رَّسُولٍ إِلَّا كَانُوا۟ بِهِۦ يَسْتَهْزِءُونَ ﴿11﴾ كَذَٰلِكَ نَسْلُكُهُۥ فِى
قُلُوبِ ٱلْمُجْرِمِينَ ﴿12﴾ لَا يُؤْمِنُونَ بِهِۦ وَقَدْ خَلَتْ سُنَّةُ ٱلْأَوَّلِينَ
﴿13﴾ وَلَوْ فَتَحْنَا عَلَيْهِم بَابًا مِّنَ ٱلسَّمَآءِ فَظَلُّوا۟ فِيهِ يَعْرُجُونَ
﴿14﴾ لَقَالُوٓا۟ إِنَّمَا سُكِّرَتْ أَبْصَٰرُنَا بَلْ نَحْنُ قَوْمٌ مَّسْحُورُونَ ﴿15﴾

15. *Sūratu l-Ħiġr*

(Suret 'al-Ħiġr – Niżlet f'Mekka b'99 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *'Alif. Lām. Rā'.* Dawn huma l-versi tal-Ktieb, u Qoran mill-aktar ċar.
2. Ħafna drabi dawk li ċaħdu t-twemmin *(meta f'Jum il-Ġudizzju jaraw il-kastig tal-biża' li hemm jistenniehom)* jixtiequ li kieku *(f'ħajjithom)* kienu Misilmin.
3. Hallihom *(Muħammad)* jieklu, igawdu, u t-tama *(fiergħa ta' ħajja twila)* tqarraq bihom; *(dalwaqt)* se jkunu jafu!
4. Ma qridna ebda belt *(li ċaħdet xi Mibgħut mill-Mibgħutin tagħna)* li ma kellhiex żmien magħruf *(sa meta kellha tinqered).*
5. Ebda ġens ma *(jista')* jgħaġġel *(u jġib fuqu l-kastig qabel)* żmienu, u *(lanqas)* ma jdewwem *(il-kastig)* għal żmien aktar tard. *(Alla biss jaf meta huwa t-tmiem).*
6. U *(il-pagani ta' Qurajx)* qalu *(b'żebliħ)*: "Inti li tniżżlet fuqek it-tifkira *(u t-twissija, il-Qoran)*, inti tabilħaqq miġnun!
7. Għaliex ma ġġibilniex l-anġli *(biex jixhdu għalik)* jekk qiegħed tgħid is-sewwa?"
8. Aħna ma nniżżlux l-anġli jekk mhux bis-sewwa *(u bil-kastig għal dawk li rridu neqirdu)*, u *(nies bħal dawn)* ma jingħatawx *(aktar)* żmien.
9. Aħna tabilħaqq niżżilna t-tifkira *(u t-twissija, li hija l-Qoran)*, u Aħna tassew inħarsuha *(u ma nħallu li ssir ebda żjieda, tnaqqis jew tibdil fiha).*
10. Qablek *(Muħammad)* tabilħaqq bgħatna *(lill-Mibgħutin)* fost is-setet *(differenti)* ta' nies il-qedem,
11. u ma kienx jiġihom Mibgħut li ma kinux iżebilħuh.
12. Hekk inniffduh *(il-ħażen)* fi qlub il-ħatjin.
13. Huma ma jemmnux fih *(dan il-Qoran)* minkejja *(li bħala twissija għandhom)* id-drawwa ta' nies il-qedem *(u l-kastig tal-biża' li ħadu).*
14. U kieku ftaħnielhom *(lill-pagani ta' Mekka)* bieb mis-sema, u baqgħu *(il-ħin kollu)* jitilgħu minnu *(hekk li setgħu jaraw l-anġli b'għajnejhom stess)*,
15. kienu jgħidu *(fir-ras iebsa u l-kburija tagħhom)*: "Imma *(qegħdin naraw hekk minħabba li)* għajnejna tqarrqu. Le! Aħna nies imsaħħrin *(u Muħammad jaħti ta' dan is-seħer)*."

وَلَقَدْ جَعَلْنَا فِي السَّمَاءِ بُرُوجًا وَزَيَّنَّاهَا لِلنَّاظِرِينَ ﴿16﴾
وَحَفِظْنَاهَا مِن كُلِّ شَيْطَانٍ رَّجِيمٍ ﴿17﴾ إِلَّا مَنِ اسْتَرَقَ السَّمْعَ
فَأَتْبَعَهُ شِهَابٌ مُّبِينٌ ﴿18﴾ وَالْأَرْضَ مَدَدْنَاهَا وَأَلْقَيْنَا فِيهَا
رَوَاسِيَ وَأَنبَتْنَا فِيهَا مِن كُلِّ شَيْءٍ مَّوْزُونٍ ﴿19﴾ وَجَعَلْنَا لَكُمْ فِيهَا
مَعَايِشَ وَمَن لَّسْتُمْ لَهُ بِرَازِقِينَ ﴿20﴾ وَإِن مِّن شَيْءٍ إِلَّا عِندَنَا
خَزَائِنُهُ وَمَا نُنَزِّلُهُ إِلَّا بِقَدَرٍ مَّعْلُومٍ ﴿21﴾ وَأَرْسَلْنَا الرِّيَاحَ
لَوَاقِحَ فَأَنزَلْنَا مِنَ السَّمَاءِ مَاءً فَأَسْقَيْنَاكُمُوهُ وَمَا أَنتُمْ لَهُ
بِخَازِنِينَ ﴿22﴾ وَإِنَّا لَنَحْنُ نُحْيِي وَنُمِيتُ وَنَحْنُ الْوَارِثُونَ ﴿23﴾
وَلَقَدْ عَلِمْنَا الْمُسْتَقْدِمِينَ مِنكُمْ وَلَقَدْ عَلِمْنَا الْمُسْتَأْخِرِينَ ﴿24﴾
وَإِنَّ رَبَّكَ هُوَ يَحْشُرُهُمْ إِنَّهُ حَكِيمٌ عَلِيمٌ ﴿25﴾ وَلَقَدْ خَلَقْنَا الْإِنسَانَ
مِن صَلْصَالٍ مِّنْ حَمَإٍ مَّسْنُونٍ ﴿26﴾ وَالْجَانَّ خَلَقْنَاهُ مِن قَبْلُ مِن نَّارِ
السَّمُومِ ﴿27﴾ وَإِذْ قَالَ رَبُّكَ لِلْمَلَائِكَةِ إِنِّي خَالِقٌ بَشَرًا مِّن
صَلْصَالٍ مِّنْ حَمَإٍ مَّسْنُونٍ ﴿28﴾ فَإِذَا سَوَّيْتُهُ وَنَفَخْتُ فِيهِ مِن
رُّوحِي فَقَعُوا لَهُ سَاجِدِينَ ﴿29﴾ فَسَجَدَ الْمَلَائِكَةُ كُلُّهُمْ
أَجْمَعُونَ ﴿30﴾ إِلَّا إِبْلِيسَ أَبَىٰ أَن يَكُونَ مَعَ السَّاجِدِينَ ﴿31﴾

16. Aħna tabilħaqq għamilna l-kostellazzjonijiet fis-sema, u żejjinniehom għal dawk li jħarsu *(lejhom)*,
17. u ħarisniehom minn kull xitan mishut,
18. ħlief min jissemma' bis-serqa *(biex isir jaf xi ħwejjeġ tas-sema)*, u għalhekk jiġri warajh nar iheġġeġ, mill-aktar ċar *(u jaħarqu)*.
19. L-art middejnieha *(bħal friex)*, qegħedna fiha l-iġbla, fis-sod, u nibbitna fiha minn kull ħaġa bil-qjies.
20. Fiha għamilnielkom għamliet ta' għajxien, *(għalikom)* u għal dak li intom ma tihdux ħsieb l-għajxien tiegħu *(għaliex huwa Alla li joħloq l-ikel u x-xorb għal nieskom, għall-qaddejja tagħkom u għall-bhejjem tagħkom)*.
21. U ma hemm xejn *(minn kull tip ta' għajxien)* li għandna ma jinsabux il-ħażniet tiegħu *(kollha)*, u ma nniżżluhx jekk mhux b'qjies magħruf *(u skond il-ħtieġa)*.
22. Aħna nibagħtu l-irjieħ li jdakkru *(is-sħab biex minnu tinżel ix-xita, u jdakkru wkoll is-siġar)*, u nniżżlu mis-sema ilma u nisquhulkom, u intom ma tahżnuhx *(għaliex kotran wisq, iżda Aħna naħżnuh għalikom fl-għejun u fix-xmajjar)*.
23. Aħna tabilħaqq nagħtu l-ħajja u l-mewt, u Aħna l-Werrieta *(meta l-ħolqien jintemm)*.
24. Aħna tassew nafu b'dawk minnkom *(il-bnedmin)* li ġew qabel *(żmienkom)*, u b'dawk li għad iridu jiġu *(għaliex lilna ma jaqbżilna xejn, u l-għerf u s-setgħa tagħna huma bla tmiem)*.
25. Huwa tabilħaqq Sidek li jiġborhom *(biex jagħtu kont ta' ħajjithom fl-Aħħar Jum)*. Tassew li Hu Għaref u jaf b'kollox.
26. Aħna tassew ħlaqna lill-bniedem minn tafal *(niexef)* li jċenċel *(meta tħabbat fuqu)*, minn tajn imsawwar *(f'bosta għamliet)*.
27. U l-*ġinn* ħlaqniehom qabel *(Adam)*, min-nar jikwi, bla duħħan.
28. *(Ftakar Muħammad)* meta Sidek *(il-Mulej)* qal lill-anġli: "Jiena tabilħaqq se nohloq bniedem minn tafal *(niexef)* li jċenċel *(meta tħabbat fuqu)*, minn tajn imsawwar *(f'bosta għamliet)*.
29. U meta *(lill-bniedem)* inkun sawwartu bil-qjies, u nfaħt fih minn Ruħi, aqgħu u nxteħtu quddiemu *(biex issellmulu u tagħtuh ġieħ; mhux biex tqimuh)*!"
30. L-anġli nxteħtu *(quddiemu jsellmulu)*, ilkoll kemm huma,
31. ħlief Iblīs; *(hu biss)* ma riedx ikun mal-mixħutin *(quddiem il-bniedem)*.

قَالَ يَٰٓإِبۡلِيسُ مَا لَكَ أَلَّا تَكُونَ مَعَ ٱلسَّٰجِدِينَ ﴿32﴾ قَالَ لَمۡ أَكُن
لِّأَسۡجُدَ لِبَشَرٍ خَلَقۡتَهُۥ مِن صَلۡصَٰلٖ مِّنۡ حَمَإٖ مَّسۡنُونٖ ﴿33﴾ قَالَ
فَٱخۡرُجۡ مِنۡهَا فَإِنَّكَ رَجِيمٞ ﴿34﴾ وَإِنَّ عَلَيۡكَ ٱللَّعۡنَةَ إِلَىٰ يَوۡمِ
ٱلدِّينِ ﴿35﴾ قَالَ رَبِّ فَأَنظِرۡنِيٓ إِلَىٰ يَوۡمِ يُبۡعَثُونَ ﴿36﴾ قَالَ فَإِنَّكَ
مِنَ ٱلۡمُنظَرِينَ ﴿37﴾ إِلَىٰ يَوۡمِ ٱلۡوَقۡتِ ٱلۡمَعۡلُومِ ﴿38﴾ قَالَ رَبِّ بِمَآ
أَغۡوَيۡتَنِي لَأُزَيِّنَنَّ لَهُمۡ فِي ٱلۡأَرۡضِ وَلَأُغۡوِيَنَّهُمۡ أَجۡمَعِينَ ﴿39﴾
إِلَّا عِبَادَكَ مِنۡهُمُ ٱلۡمُخۡلَصِينَ ﴿40﴾ قَالَ هَٰذَا صِرَٰطٌ عَلَيَّ
مُسۡتَقِيمٌ ﴿41﴾ إِنَّ عِبَادِي لَيۡسَ لَكَ عَلَيۡهِمۡ سُلۡطَٰنٌ إِلَّا مَنِ
ٱتَّبَعَكَ مِنَ ٱلۡغَاوِينَ ﴿42﴾ وَإِنَّ جَهَنَّمَ لَمَوۡعِدُهُمۡ أَجۡمَعِينَ ﴿43﴾
لَهَا سَبۡعَةُ أَبۡوَٰبٖ لِّكُلِّ بَابٖ مِّنۡهُمۡ جُزۡءٞ مَّقۡسُومٌ ﴿44﴾ إِنَّ
ٱلۡمُتَّقِينَ فِي جَنَّٰتٖ وَعُيُونٍ ﴿45﴾ ٱدۡخُلُوهَا بِسَلَٰمٍ ءَامِنِينَ ﴿46﴾
وَنَزَعۡنَا مَا فِي صُدُورِهِم مِّنۡ غِلٍّ إِخۡوَٰنًا عَلَىٰ سُرُرٖ مُّتَقَٰبِلِينَ
﴿47﴾ لَا يَمَسُّهُمۡ فِيهَا نَصَبٞ وَمَا هُم مِّنۡهَا بِمُخۡرَجِينَ ﴿48﴾
نَبِّئۡ عِبَادِيٓ أَنِّيٓ أَنَا ٱلۡغَفُورُ ٱلرَّحِيمُ ﴿49﴾ وَأَنَّ عَذَابِي
هُوَ ٱلۡعَذَابُ ٱلۡأَلِيمُ ﴿50﴾ وَنَبِّئۡهُمۡ عَن ضَيۡفِ إِبۡرَٰهِيمَ ﴿51﴾

ربع الحزب 27

32. Qal *(Alla)*: "Ja Iblīs, x'għandek *(xi jżommok)* li ma tkunx mal-mixħutin?"
33. Qal *(Iblīs)*: "*(Inti lili ħlaqtni min-nar, u)* jiena ma kellix ninxteħet quddiem bniedem li Inti ħlaqt minn tafal *(niexef)* iċenċel *(meta ħabbat fuqu)*, minn tajn imsawwar *(f'bosta għamliet)*."
34. Qal *(Alla lil Iblīs)*: "Mela oħroġ minnha *(il-Ġenna)*! Inti tabilħaqq miskut *(għaliex se nċaħħdek mill-ħniena tiegħi)*!
35. Fuqek tabilħaqq tkun is-saħta, sa Jum il-Ġudizzju!"
36. Qal *(Iblīs)*: "Sidi, agħtini żmien sal-Jum meta *(il-mejtin)* jitqajmu mill-mewt."
37. Qal *(Alla)*: "Inti minn dawk li ngħatalhom iż-żmien,
38. sa Jum il-waqt magħruf."
39. Qal *(Iblīs)*: "Sidi, la *(ma tridx taf bija u)* telliftni t-triq, tabilħaqq li *(lill-bnedmin)* se nżejnilhom *(il-ħażen)* fuq l-art, u żgur li ntellifhom it-triq, ilkoll kemm huma,
40. ħlief *(dawk)* minnhom *(li huma)* il-qaddejja l-ġusti tiegħek."
41. Qal *(Alla)*: "Din *(it-triq tal-ġusti hija)* triq *(li twassal)* dritt għandi.
42. Tabilħaqq li ma għandek ebda setgħa fuq il-qaddejja tiegħi, għajr min jimxi warajk minn dawk li tilfu t-triq.
43. U tassew li l-Infern huwa l-post imwiegħed għalihom ilkoll.
44. Huwa għandu seba' bibien *(minn fejn jidħlu l-ġemgħat kbar tal-midinbin)*, u kull bieb minnhom għandu taqsima *(mill-midinbin li jgħaddu minnu, skond il-ħażen li għamlu)*."
45. Il-ġusti tabilħaqq ikunu f'Ġonna u f'għejun *(ta' ilma ġieri, nbid u għasel)*.
46. *(Jingħad lilhom)*: "Idħlu fihom bi sliem, imħarsin *(minn kull ħsara u mill-mewt)*!"
47. U nneħħu l-mibegħda minn qlubhom *(ħekk li ma jżommux aktar f'qalbhom, u jsiru)* aħwa *(bilqiegħda)* fuq divani, quddiem xulxin.
48. Ma tmisshom fihom ebda għeja, u lanqas *(qatt)* jinħarġu minnhom.
49. Ħabbar lill-qaddejja tiegħi li Jiena tassew kollni maħfra u Ħanin,
50. u li l-kastig tiegħi huwa l-kastig ta' wġigħ.
51. U ħabbrilhom dwar il-mistednin ta' Abraham *(li kienu anġli f'għamla ta' żgħażagħ mill-isbaħ, mibgħutin mingħand Alla biex jeqirdu lil nies Lot)*.

إِذْ دَخَلُوا۟ عَلَيْهِ فَقَالُوا۟ سَلَٰمًا قَالَ إِنَّا مِنكُمْ وَجِلُونَ ﴿52﴾ قَالُوا۟
لَا تَوْجَلْ إِنَّا نُبَشِّرُكَ بِغُلَٰمٍ عَلِيمٍ ﴿53﴾ قَالَ أَبَشَّرْتُمُونِى عَلَىٰٓ أَن
مَّسَّنِىَ ٱلْكِبَرُ فَبِمَ تُبَشِّرُونَ ﴿54﴾ قَالُوا۟ بَشَّرْنَٰكَ بِٱلْحَقِّ
فَلَا تَكُن مِّنَ ٱلْقَٰنِطِينَ ﴿55﴾ قَالَ وَمَن يَقْنَطُ مِن رَّحْمَةِ
رَبِّهِۦٓ إِلَّا ٱلضَّآلُّونَ ﴿56﴾ قَالَ فَمَا خَطْبُكُمْ أَيُّهَا ٱلْمُرْسَلُونَ
﴿57﴾ قَالُوٓا۟ إِنَّآ أُرْسِلْنَآ إِلَىٰ قَوْمٍ مُّجْرِمِينَ ﴿58﴾ إِلَّآ ءَالَ لُوطٍ
إِنَّا لَمُنَجُّوهُمْ أَجْمَعِينَ ﴿59﴾ إِلَّا ٱمْرَأَتَهُۥ قَدَّرْنَآ ۙ إِنَّهَا لَمِنَ
ٱلْغَٰبِرِينَ ﴿60﴾ فَلَمَّا جَآءَ ءَالَ لُوطٍ ٱلْمُرْسَلُونَ ﴿61﴾ قَالَ
إِنَّكُمْ قَوْمٌ مُّنكَرُونَ ﴿62﴾ قَالُوا۟ بَلْ جِئْنَٰكَ بِمَا كَانُوا۟ فِيهِ
يَمْتَرُونَ ﴿63﴾ وَأَتَيْنَٰكَ بِٱلْحَقِّ وَإِنَّا لَصَٰدِقُونَ ﴿64﴾ فَأَسْرِ
بِأَهْلِكَ بِقِطْعٍ مِّنَ ٱلَّيْلِ وَٱتَّبِعْ أَدْبَٰرَهُمْ وَلَا يَلْتَفِتْ مِنكُمْ أَحَدٌ
وَٱمْضُوا۟ حَيْثُ تُؤْمَرُونَ ﴿65﴾ وَقَضَيْنَآ إِلَيْهِ ذَٰلِكَ ٱلْأَمْرَ أَنَّ
دَابِرَ هَٰٓؤُلَآءِ مَقْطُوعٌ مُّصْبِحِينَ ﴿66﴾ وَجَآءَ أَهْلُ ٱلْمَدِينَةِ
يَسْتَبْشِرُونَ ﴿67﴾ قَالَ إِنَّ هَٰٓؤُلَآءِ ضَيْفِى فَلَا تَفْضَحُونِ ﴿68﴾ وَٱتَّقُوا۟
ٱللَّهَ وَلَا تُخْزُونِ ﴿69﴾ قَالُوٓا۟ أَوَلَمْ نَنْهَكَ عَنِ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿70﴾

52. Meta dahlu quddiemu qalu: "Sliem!" Qal*(ilhom Abraham)*: "Aħna mbeżżgħin minnkom *(għaliex ressaqnielkom l-ikel, b'turija ta' merħba, u ma kiltuhx)*."
53. Qalu: "La tibżax! Tabilħaqq nagħtuk il-bxara t-tajba dwar iben għaref."
54. Qal *(Abraham)*: "Jaqaw tajtuni *(din)* il-bxara t-tajba meta laħaqni l-kobor *(u xjaħt)*? Liema bxara tajba qegħdin tħabbruli?"
55. Qalu*(lu l-anġli)*: "Qegħdin nagħtuk il-bxara t-tajba bis-sewwa, u għalhekk la tkunx minn dawk li jaqtgħu qalbhom *(mill-ħniena ta' Alla)*!"
56. Qal *(Abraham)*: "U min jaqta' qalbu mill-ħniena ta' Sidu, ħlief il-mitlufin?"
57. Qal: "Mela x'ġejtu tagħmlu, ja Mibgħutin *(ta' Alla)*?"
58. Qalu: "Tassew li ntbagħatna għand nies ħatjin *(biex neqirduhom: nies Lot)*,
59. ħlief il-familja ta' Lot *(u dawk li jemmnu bħalu)*, u tabilħaqq se neħilsuhom ilkoll *(mill-kastig ta' Alla)*,
60. għajr lil martu." Aħna qtajnieha li din *(għandha tkun)* minn dawk li jibqgħu lura *(u tieħu l-kastig mal-bqija tal-ħatjin)*.
61. U meta l-Mibgħutin *(ta' Alla)* ġew għand il-familja ta' Lot,
62. qal*(ilhom Lot)*: "Intom nies mhux magħrufin. *(Xi tridu minna?)*"
63. Qalu*(lu l-Mibgħutin)*: "Ġejna għandek b'dak *(il-kastig)* li *(niesek)* huma bejn ħalltejn dwaru.
64. U ġejniek bis-sewwa, u qegħdin ngħidu s-sewwa!
65. Mela itlaq bil-familja tiegħek, f'*(dan)* il-ħin tal-lejl *(li baqa')*, imxi warajhom *(biex isserraħ rasek li ma jiġrilhom xejn)*, u *(ara li)* ħadd minnkom ma jħares lura *(biex ma jarax il-kastig fuq Sodoma)*! U ibqgħu sejrin fejn tkunu ordnati!"
66. U għarrafnieh *(lil Lot)* bl-amar *(tagħna)*: li *(kollha kemm huma, sa)* l-aħħar wieħed fost dawk *(il-midinbin minn niesu)* se jinqerdu malli jsebbħu.
67. Nies il-belt *(ta' Sodoma)* ġew *(għand Lot)* ferħanin *(bil-wasla tal-mistednin, għaliex xtaqu jidinbu magħhom)*.
68. Qal *(Lot)*: "Dawn tabilħaqq mistednin tiegħi! Twaqqgħulix wiċċi l-art!
69. Ibżgħu minn Alla, u la tagħmlulix għajb!"
70. Qalu: "Mela ma konniex żammejniek *(milli toqgħod tistieden)* lil kulħadd *(u taqbeż għalihom)*?"

قَالَ هَٰٓؤُلَآءِ بَنَاتِيٓ إِن كُنتُمۡ فَٰعِلِينَ ﴿71﴾ لَعَمۡرُكَ إِنَّهُمۡ لَفِي سَكۡرَتِهِمۡ
يَعۡمَهُونَ ﴿72﴾ فَأَخَذَتۡهُمُ ٱلصَّيۡحَةُ مُشۡرِقِينَ ﴿73﴾ فَجَعَلۡنَا عَٰلِيَهَا
سَافِلَهَا وَأَمۡطَرۡنَا عَلَيۡهِمۡ حِجَارَةٗ مِّن سِجِّيلٍ ﴿74﴾ إِنَّ فِي ذَٰلِكَ
لَأٓيَٰتٖ لِّلۡمُتَوَسِّمِينَ ﴿75﴾ وَإِنَّهَا لَبِسَبِيلٖ مُّقِيمٍ ﴿76﴾ إِنَّ فِي ذَٰلِكَ
لَأٓيَةٗ لِّلۡمُؤۡمِنِينَ ﴿77﴾ وَإِن كَانَ أَصۡحَٰبُ ٱلۡأَيۡكَةِ لَظَٰلِمِينَ ﴿78﴾
فَٱنتَقَمۡنَا مِنۡهُمۡ وَإِنَّهُمَا لَبِإِمَامٖ مُّبِينٖ ﴿79﴾ وَلَقَدۡ كَذَّبَ أَصۡحَٰبُ
ٱلۡحِجۡرِ ٱلۡمُرۡسَلِينَ ﴿80﴾ وَءَاتَيۡنَٰهُمۡ ءَايَٰتِنَا فَكَانُواْ عَنۡهَا مُعۡرِضِينَ
﴿81﴾ وَكَانُواْ يَنۡحِتُونَ مِنَ ٱلۡجِبَالِ بُيُوتًا ءَامِنِينَ ﴿82﴾ فَأَخَذَتۡهُمُ
ٱلصَّيۡحَةُ مُصۡبِحِينَ ﴿83﴾ فَمَآ أَغۡنَىٰ عَنۡهُم مَّا كَانُواْ يَكۡسِبُونَ ﴿84﴾
وَمَا خَلَقۡنَا ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلۡأَرۡضَ وَمَا بَيۡنَهُمَآ إِلَّا بِٱلۡحَقِّۗ وَإِنَّ
ٱلسَّاعَةَ لَأٓتِيَةٞۖ فَٱصۡفَحِ ٱلصَّفۡحَ ٱلۡجَمِيلَ ﴿85﴾ إِنَّ رَبَّكَ هُوَ
ٱلۡخَلَّٰقُ ٱلۡعَلِيمُ ﴿86﴾ وَلَقَدۡ ءَاتَيۡنَٰكَ سَبۡعٗا مِّنَ ٱلۡمَثَانِي وَٱلۡقُرۡءَانَ
ٱلۡعَظِيمَ ﴿87﴾ لَا تَمُدَّنَّ عَيۡنَيۡكَ إِلَىٰ مَا مَتَّعۡنَا بِهِۦٓ أَزۡوَٰجٗا مِّنۡهُمۡ
وَلَا تَحۡزَنۡ عَلَيۡهِمۡ وَٱخۡفِضۡ جَنَاحَكَ لِلۡمُؤۡمِنِينَ ﴿88﴾ وَقُلۡ إِنِّيٓ
أَنَا ٱلنَّذِيرُ ٱلۡمُبِينُ ﴿89﴾ كَمَآ أَنزَلۡنَا عَلَى ٱلۡمُقۡتَسِمِينَ ﴿90﴾

71. Qal*(ilhom)*: "Dawn *(huma)* il-bniet tiegħi *(u huma xierqa għalikom biex tiżżewġuhom)*, jekk *(trìdu)* tagħmlu *(xi ħaġa. Iżda tersqux lejn irġiel bħalkom)*."
72. Fuq għomrok *(Muħammad)*! Tabilħaqq li fis-sakra tagħhom huma kienu mitlufin bħall-għomja.
73. U ħadhom *(għal għarrieda)* ħoss qawwi *(li ħasadhom u qeridhom)* mas-sebħ.
74. U *(Sodoma)* qlibnieha ta' taħt fuq, u niżżilna fuqhom xita ta' ġebel ta' fuħħar iebes *(moħmi fin-nar ta' l-Infern)*.
75. Tabilħaqq li f'dan *(il-kastig)* hawn sinjali għal dawk li jafu jintebħu bihom.
76. U *(il-bliet meqruda u Sodoma)* jinsabu fi triq li għadha hemm.
77. Tabilħaqq li f'dan hawn sinjal għal dawk li jemmnu.
78. Nies *(Xugħajb li għammru qrib)* il-masġar kienu ħżiena wkoll.
79. Għalhekk tħallasna minnhom. Huma t-tnejn *(Sodoma u l-inħawi tal-masġar)* jinsabu fi triq tidher sew.
80. Nies *(Tāmūd ukoll, li għexu fl-inħawi msejħa)* 'al-Ħiġr, giddbu lill-Mibgħutin *(ta' Alla, fosthom lil Ṣāliħ)*.
81. Aħna tajniehom is-sinjali tagħna *(f'għamla ta' għeġubijiet u mirakli)*, iżda kienu jagħtuhom il-ġenb.
82. Huma kienu jħaffru djar fl-iġbla *(u jħossuhom)* imħarsin *(mill-kastig ta' Alla)*.
83. Iżda ħadhom *(għal għarrieda)* ħoss qawwi *(li qeridhom)* mas-sebħ.
84. U xejn ma swielhom dak li kienu jiksbu *(b'għemilhom, u d-djar u l-fortizzi tagħhom fil-blat)*.
85. Ma ħlaqniex is-smewwiet u l-art, u dak li jinsab bejniethom, jekk mhux bis-sewwa. U tabilħaqq li s-Siegha ġejja! Għalhekk aghder *(Muħammad)* b'mogħdrija xierqa.
86. Sidek huwa tabilħaqq il-Ħallieq li jaf kollox.
87. U tajniek *(Muħammad)* sebgħa mill-*(versi l-)* aktar imtennija *(u li jinsabu f'suret il-Ftuħ)*, u l-Qoran il-kbir.
88. La titfax għajnejk *(Muħammad)* fuq dak li tajna lil xi rġiel u nisa miżżewġin minnhom għat-tgawdija fiergħa tagħhom *(għaliex lilek tajniek l-aħjar: il-Qoran)*, u la titnikkitx għalihom *(għaliex ma jemmnux)*, iżda niżżel ġwenħajk *(b'turija ta' mħabba u umiltà)* fuq dawk li jemmnu.
89. U għid*(ilhom)*: "Jiena tabilħaqq dak li jwissi bil-miftuħ."
90. *(Niżżilnielek il-Qoran)* bħalma niżżilna *(il-Kotba tagħna)* fuq dawk *(il-Lhud, l-Insara u l-pagani)* li qasmu *(il-Kotba mqaddsa f'taqsimiet, u emmnu f'uħud minnhom u ċaħdu l-bqija tagħhom)*;

ٱلَّذِينَ جَعَلُوا۟ ٱلْقُرْءَانَ عِضِينَ ﴿91﴾ فَوَرَبِّكَ لَنَسْـَٔلَنَّهُمْ
أَجْمَعِينَ ﴿92﴾ عَمَّا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ ﴿93﴾ فَٱصْدَعْ بِمَا تُؤْمَرُ وَأَعْرِضْ
عَنِ ٱلْمُشْرِكِينَ ﴿94﴾ إِنَّا كَفَيْنَٰكَ ٱلْمُسْتَهْزِءِينَ ﴿95﴾ ٱلَّذِينَ
يَجْعَلُونَ مَعَ ٱللَّهِ إِلَٰهًا ءَاخَرَ ۚ فَسَوْفَ يَعْلَمُونَ ﴿96﴾ وَلَقَدْ نَعْلَمُ
أَنَّكَ يَضِيقُ صَدْرُكَ بِمَا يَقُولُونَ ﴿97﴾ فَسَبِّحْ بِحَمْدِ رَبِّكَ وَكُن
مِّنَ ٱلسَّٰجِدِينَ ﴿98﴾ وَٱعْبُدْ رَبَّكَ حَتَّىٰ يَأْتِيَكَ ٱلْيَقِينُ ﴿99﴾

سُورَةُ النَّحْلِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

نصف الحزب 27

أَتَىٰٓ أَمْرُ ٱللَّهِ فَلَا تَسْتَعْجِلُوهُ ۚ سُبْحَٰنَهُۥ وَتَعَٰلَىٰ عَمَّا يُشْرِكُونَ
﴿1﴾ يُنَزِّلُ ٱلْمَلَٰٓئِكَةَ بِٱلرُّوحِ مِنْ أَمْرِهِۦ عَلَىٰ مَن يَشَآءُ مِنْ عِبَادِهِۦٓ
أَنْ أَنذِرُوٓا۟ أَنَّهُۥ لَآ إِلَٰهَ إِلَّآ أَنَا۠ فَٱتَّقُونِ ﴿2﴾ خَلَقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضَ بِٱلْحَقِّ ۚ تَعَٰلَىٰ عَمَّا يُشْرِكُونَ ﴿3﴾ خَلَقَ
ٱلْإِنسَٰنَ مِن نُّطْفَةٍ فَإِذَا هُوَ خَصِيمٌ مُّبِينٌ ﴿4﴾ وَٱلْأَنْعَٰمَ
خَلَقَهَا ۗ لَكُمْ فِيهَا دِفْءٌ وَمَنَٰفِعُ وَمِنْهَا تَأْكُلُونَ
﴿5﴾ وَلَكُمْ فِيهَا جَمَالٌ حِينَ تُرِيحُونَ وَحِينَ تَسْرَحُونَ ﴿6﴾

91. dawk li għamlu l-Qoran biċċiet *(meta qalu li biċċa minnu hija seħer, oħra poeżija, u oħra ħrejjef)*.
92. Fuq Sidek *(Muħammad)*! Tassew nistaqsuhom ilkoll
93. dwar dak li kienu jagħmlu *(fid-dinja)*.
94. Mela ħabbar bil-miftuħ dak li titqabbad *(tħabbar minn Sidek il-Mulej)*, u warrab minn dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla)*.
95. Aħna biżżejjed għalik kontra ż-żeblieħa,
96. dawk li ma' Alla jagħmlu alla ieħor. Iżda *(dalwaqt)* ikunu jafu *(x'se jkun tmiemhom)*!
97. Nafu li qalbek *(Muħammad)* tinsab f'diqa minħabba dak li jgħidu *(kontrik u kontra l-Islam)*.
98. Mela faħħar is-sebħ ta' Sidek, u kun ma' dawk li jinxteħtu bil-qima!
99. U qim lil Sidek sa ma jiġik dak li hu ċert *(il-waqt tal-mewt)*!

16. *Sūratu n-Naħl*

(Suret in-Naħal – Niżlet f'Mekka b'128 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Se jiġi l-amar ta' Alla *(dwar il-kastig)*, u għalhekk *(tippruvawx)* tgħaġġluh! Sebħ lilu, u Huwa wisq ogħla minn dak li jxierku *(miegħu l-pagani)*!
2. Huwa jniżżel l-anġli bir-Rivelazzjoni, bl-amar tiegħu, fuq min irid mill-qaddejja tiegħu *(il-Profeti u l-Mibgħutin, u jgħidilhom)*: "Wissu *(lill-bnedmin)* li ma hemmx alla *(ieħor)* ħliefi! Mela ibżgħu minni!"
3. Huwa ħalaq is-smewwiet u l-art bis-sewwa. Huwa wisq ogħla minn dak li jxierku *(miegħu l-pagani)*!
4. Ħalaq lill-bniedem minn nitfa *(ta' sperma)*, u arah *(dan il-bniedem jitkabbar u)* iħaqqaqha bil-miftuħ!
5. Il-frat ħalaqhom għalikom: fihom *(issibu)* sħana *(mis-suf u l-ġlud tagħhom)* u fejdiet *(oħra bħall-ħalib u l-użu tagħhom għall-irkib)*, u minnhom tieklu.
6. U ssibu fihom il-ġmiel *(u tithennew bihom)* meta *(filgħaxija)* isserrħuhom, u meta *(filgħodu terġgħu)* toħorġu bihom *(biex jirgħu)*.

وَتَحْمِلُ أَثْقَالَكُمْ إِلَىٰ بَلَدٍ لَّمْ تَكُونُوا۟ بَٰلِغِيهِ إِلَّا بِشِقِّ
ٱلْأَنفُسِ ۚ إِنَّ رَبَّكُمْ لَرَءُوفٌ رَّحِيمٌ ﴿7﴾ وَٱلْخَيْلَ وَٱلْبِغَالَ
وَٱلْحَمِيرَ لِتَرْكَبُوهَا وَزِينَةً ۚ وَيَخْلُقُ مَا لَا تَعْلَمُونَ ﴿8﴾
وَعَلَى ٱللَّهِ قَصْدُ ٱلسَّبِيلِ وَمِنْهَا جَآئِرٌ ۚ وَلَوْ شَآءَ لَهَدَىٰكُمْ
أَجْمَعِينَ ﴿9﴾ هُوَ ٱلَّذِىٓ أَنزَلَ مِنَ ٱلسَّمَآءِ مَآءً لَّكُم مِّنْهُ
شَرَابٌ وَمِنْهُ شَجَرٌ فِيهِ تُسِيمُونَ ﴿10﴾ يُنۢبِتُ لَكُم
بِهِ ٱلزَّرْعَ وَٱلزَّيْتُونَ وَٱلنَّخِيلَ وَٱلْأَعْنَٰبَ وَمِن كُلِّ
ٱلثَّمَرَٰتِ ۗ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَةً لِّقَوْمٍ يَتَفَكَّرُونَ ﴿11﴾
وَسَخَّرَ لَكُمُ ٱلَّيْلَ وَٱلنَّهَارَ وَٱلشَّمْسَ وَٱلْقَمَرَ ۖ وَٱلنُّجُومُ
مُسَخَّرَٰتٌۢ بِأَمْرِهِۦٓ ۗ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَٰتٍ لِّقَوْمٍ يَعْقِلُونَ
﴿12﴾ وَمَا ذَرَأَ لَكُمْ فِى ٱلْأَرْضِ مُخْتَلِفًا أَلْوَٰنُهُۥ ۚ إِنَّ
فِى ذَٰلِكَ لَءَايَةً لِّقَوْمٍ يَذَّكَّرُونَ ﴿13﴾ وَهُوَ ٱلَّذِى
سَخَّرَ ٱلْبَحْرَ لِتَأْكُلُوا۟ مِنْهُ لَحْمًا طَرِيًّا وَتَسْتَخْرِجُوا۟
مِنْهُ حِلْيَةً تَلْبَسُونَهَا ۖ وَتَرَى ٱلْفُلْكَ مَوَاخِرَ فِيهِ
وَلِتَبْتَغُوا۟ مِن فَضْلِهِۦ وَلَعَلَّكُمْ تَشْكُرُونَ ﴿14﴾

7. Huma jġorru*(lkom)* it-toqol tagħkom lejn art li ma kontux tilħquha jekk mhux bi qtigħ il-qalb. Sidkom *(il-Mulej, li takom dan kollu, huwa)* tabilħaqq Kollu Tjieba u Ħanin.
8. Iż-żwiemel, il-bgħula, u l-ħmir *(ukoll ħalaq għalikom)* biex tirkbuhom, u għaż-żîna *(biex tiddandnu bihom)*. U *(fil-ġejjieni għad)* joħloq dak li ma tafux.
9. F'idejn Alla t-tmexxija fit-triq it-tajba, iżda hemm toroq mgħawġa *(li ma jwasslux għas-sewwa)*. Li kieku ried *(Alla)* kien imexxikom u jġegħilkom temmnu lkoll *(iżda fl-għerf bla tarf tiegħu ried iħalli l-għażla f'idejkom)*.
10. Huwa li niżżel ilma *(tax-xita)* mis-sema, u minnu għandkom xorb, u minnu *(jinbtu)* siġar *(u mergħat biex)* fihom toħorġu l-bhejjem biex jirgħu.
11. Bih *(bl-ilma tax-xita)* inibbet għalikom iż-żara', iż-żebbuġ, is-siġar tal-palm, l-għeneb, u mill-frott kollu. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hemm sinjal għal nies li jixtarru *(il-kobor tal-ħolqien li huwa l-għemil ta' Alla Wieħed)*.
12. Huwa qiegħed il-lejl u n-nhar għall-qadi tagħkom *(biex matulhom tistrieħu u taħdmu)*, u x-xemx u l-qamar, u l-kwiekeb joqogħdu *(għal Alla)* bl-amar tiegħu *(u jżommu mad-dawriet tagħhom, u jurukom triqatkom f'dalmet il-lejl)*. Tabilħaqq li f'dan *(il-ħolqien kollu)* hemm sinjali għal nies bil-għaqal.
13. U kulma ħalaq *(u kattar)* fuq l-art huwa f'bosta lwien *(sew jekk bhejjem, xtieli u siġar, kif ukoll il-minerali)*. Tassew li f'dan *(ukoll)* hemm sinjal għal nies li jżommu f'rashom.
14. Huwa li qiegħed il-baħar għall-qadi *(tagħkom)*, biex minnu tieklu laħam tari, u minnu toħorġu *(il-perli u l-qroll)* għaż-żîna *(tagħkom u biex)* tilbsuhom, u taraw l-imriekeb joforqu l-mewġ tiegħu, biex tfittxu mit-tjieba tiegħu *(ta' Alla, għajxien xieraq għalikom bil-kummerċ)*, u biex forsi tiżżu ħajr *(ta' dan kollu)*.

وَأَلْقَىٰ فِي ٱلْأَرْضِ رَوَٰسِيَ أَن تَمِيدَ بِكُمْ وَأَنْهَٰرًا وَسُبُلًا
لَّعَلَّكُمْ تَهْتَدُونَ ﴿15﴾ وَعَلَٰمَٰتٍ ۚ وَبِٱلنَّجْمِ هُمْ يَهْتَدُونَ
﴿16﴾ أَفَمَن يَخْلُقُ كَمَن لَّا يَخْلُقُ ۗ أَفَلَا تَذَكَّرُونَ ﴿17﴾ وَإِن
تَعُدُّوا۟ نِعْمَةَ ٱللَّهِ لَا تُحْصُوهَآ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ لَغَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿18﴾
وَٱللَّهُ يَعْلَمُ مَا تُسِرُّونَ وَمَا تُعْلِنُونَ ﴿19﴾ وَٱلَّذِينَ يَدْعُونَ
مِن دُونِ ٱللَّهِ لَا يَخْلُقُونَ شَيْـًٔا وَهُمْ يُخْلَقُونَ ﴿20﴾ أَمْوَٰتٌ غَيْرُ
أَحْيَآءٍ ۖ وَمَا يَشْعُرُونَ أَيَّانَ يُبْعَثُونَ ﴿21﴾ إِلَٰهُكُمْ إِلَٰهٌ وَٰحِدٌ ۚ
فَٱلَّذِينَ لَا يُؤْمِنُونَ بِٱلْءَاخِرَةِ قُلُوبُهُم مُّنكِرَةٌ وَهُم مُّسْتَكْبِرُونَ
﴿22﴾ لَا جَرَمَ أَنَّ ٱللَّهَ يَعْلَمُ مَا يُسِرُّونَ وَمَا يُعْلِنُونَ ۚ إِنَّهُۥ
لَا يُحِبُّ ٱلْمُسْتَكْبِرِينَ ﴿23﴾ وَإِذَا قِيلَ لَهُم مَّاذَآ أَنزَلَ رَبُّكُمْ ۙ
قَالُوٓا۟ أَسَٰطِيرُ ٱلْأَوَّلِينَ ﴿24﴾ لِيَحْمِلُوٓا۟ أَوْزَارَهُمْ كَامِلَةً
يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ ۙ وَمِنْ أَوْزَارِ ٱلَّذِينَ يُضِلُّونَهُم بِغَيْرِ عِلْمٍ ۗ أَلَا
سَآءَ مَا يَزِرُونَ ﴿25﴾ قَدْ مَكَرَ ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ
فَأَتَى ٱللَّهُ بُنْيَٰنَهُم مِّنَ ٱلْقَوَاعِدِ فَخَرَّ عَلَيْهِمُ ٱلسَّقْفُ
مِن فَوْقِهِمْ وَأَتَىٰهُمُ ٱلْعَذَابُ مِنْ حَيْثُ لَا يَشْعُرُونَ ﴿26﴾

15. U xeħet fl-art iġbla, mqiegħda fis-sod, biex *(l-art)* ma titħarrikx bikom, u *(fihom ħejjielkom)* xmajjar u toroq, biex forsi taqbdu t-triq it-tajba.
16. U *(għamel)* sinjali *(lill-bnedmin biex isibu triqathom)*, u mal-kwiekeb jimxu *(u ma jintilfux)*.
17. Jaqaw min joħloq huwa bħal min ma joħloqx? Għaliex ma żżommux f'raskom *(dan kollu, u tridu tibqgħu twebbsu raskom fil-qima ta' l-idoli)*?
18. U kieku kellkom tgħoddu l-grazzji ta' Alla *(magħkom, issibu li)* ma tistgħux tgħodduhom. Tabilħaqq li Alla Kollu Maħfra u Ħanin.
19. Alla jaf b'dak li taħbu u b'dak li tikxfu.
20. Dawk *(l-allat foloz)* li *(il-pagani)* isejħu minflok lil Alla ma joħolqu xejn; *(mhux biss, talli)* huma jinħalqu!
21. Huma mejtin *(dawk l-idoli)*, mhux ħajjin, u ma jafux meta *(huma u l-pagani li jqimuhom għad)* jitqajmu mill-mewt.
22. Alla tagħkom huwa Alla Wieħed *(u ħadd ħliefu)*, iżda dawk li ma jemmnux fil-Ħajja l-Oħra, qlubhom ma jridux jafu *(b'Alla Wieħed)*, u huma mkabbrin *(għall-aħħar u ma jridux jilqgħu s-sewwa)*.
23. Bla dubju li Alla jaf b'dak li jaħbu u b'dak li jikxfu. Tabilħaqq li Huwa ma jħobbx lill-imkabbrin.
24. U meta jintqalilhom: "X'niżżel Sidkom *(il-Mulej lil Muħammad)*", jgħidu *(b'żebliħ)*: "Stejjer ta' nies il-qedem, *(xejn aktar)*!"
25. Ħalli jġorru t-toqol *(tad-dnubiet)* tagħhom kollha f'Jum il-Qawmien, *(u jġorru wkoll)* xi ħaġa mit-toqol ta' dawk li huma kienu tellfuhom it-triq, bla għarfien *(u mingħajr provi)*. *(Kunu afu li)* tassew ikrah dak *(it-toqol)* li jġorru!
26. Dawk ta' qabilhom *(ukoll)* nassu *(kontra Alla u l-Mibgħutin tiegħu)*, iżda Alla qala' l-bini tagħhom mis-sisien, u s-saqaf waqa' għal fuqhom, u ġiehom il-kastig minn fejn ma ntebħux.

ثُمَّ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ يُخْزِيهِمْ وَيَقُولُ أَيْنَ شُرَكَآءِىَ ٱلَّذِينَ
كُنتُمْ تُشَٰٓقُّونَ فِيهِمْ ۚ قَالَ ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْعِلْمَ إِنَّ ٱلْخِزْىَ
ٱلْيَوْمَ وَٱلسُّوٓءَ عَلَى ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿27﴾ ٱلَّذِينَ تَتَوَفَّىٰهُمُ ٱلْمَلَٰٓئِكَةُ
ظَالِمِىٓ أَنفُسِهِمْ ۖ فَأَلْقَوُا۟ ٱلسَّلَمَ مَا كُنَّا نَعْمَلُ مِن سُوٓءٍ ۚ بَلَىٰٓ
إِنَّ ٱللَّهَ عَلِيمٌۢ بِمَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿28﴾ فَٱدْخُلُوٓا۟ أَبْوَٰبَ جَهَنَّمَ
خَٰلِدِينَ فِيهَا ۖ فَلَبِئْسَ مَثْوًى ٱلْمُتَكَبِّرِينَ ﴿29﴾ ۞ وَقِيلَ
لِلَّذِينَ ٱتَّقَوْا۟ مَاذَآ أَنزَلَ رَبُّكُمْ ۚ قَالُوا۟ خَيْرًا ۗ لِّلَّذِينَ أَحْسَنُوا۟ فِى
هَٰذِهِ ٱلدُّنْيَا حَسَنَةٌ ۚ وَلَدَارُ ٱلْءَاخِرَةِ خَيْرٌ ۚ وَلَنِعْمَ دَارُ ٱلْمُتَّقِينَ
﴿30﴾ جَنَّٰتُ عَدْنٍ يَدْخُلُونَهَا تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ ۖ لَهُمْ فِيهَا
مَا يَشَآءُونَ ۚ كَذَٰلِكَ يَجْزِى ٱللَّهُ ٱلْمُتَّقِينَ ﴿31﴾ ٱلَّذِينَ تَتَوَفَّىٰهُمُ
ٱلْمَلَٰٓئِكَةُ طَيِّبِينَ ۙ يَقُولُونَ سَلَٰمٌ عَلَيْكُمُ ٱدْخُلُوا۟ ٱلْجَنَّةَ بِمَا
كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿32﴾ هَلْ يَنظُرُونَ إِلَّآ أَن تَأْتِيَهُمُ ٱلْمَلَٰٓئِكَةُ
أَوْ يَأْتِىَ أَمْرُ رَبِّكَ ۚ كَذَٰلِكَ فَعَلَ ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ ۚ وَمَا ظَلَمَهُمُ
ٱللَّهُ وَلَٰكِن كَانُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ يَظْلِمُونَ ﴿33﴾ فَأَصَابَهُمْ
سَيِّـَٔاتُ مَا عَمِلُوا۟ وَحَاقَ بِهِم مَّا كَانُوا۟ بِهِۦ يَسْتَهْزِءُونَ ﴿34﴾

ثلاثة أرباع الحزب 27

27. Imbagħad f'Jum il-Qawmien iwaqqagħhom fil-għajb *(bil-kastig li jagħtihom)*, u jgħid*(ilhom)*: "Fejn huma l-ixirka tiegħi *(dawk l-allat foloz)* li kontu tħaqquha dwarhom *(mal-Mibgħutin tiegħi u man-nies li emmnu fija? Għaliex ma jiġux jaqbżu għalikom)*?" Dawk li ngħataw l-għarfien jgħidu: "Tabilħaqq li llum l-għajb u l-ħażen fuq dawk li ma jemmnux,

28. dawk li l-anġli jtemmulhom ħajjithom, filwaqt li jkunu qegħdin jonqsu lejhom infushom *(bil-qima lill-idoli)*." Huma joqogħdu għall-anġli *(filwaqt li jgħidulhom)*: "Ma konniex nagħmlu ħażen." *(L-anġli jweġbuhom:)* "Le, *(mhux hekk)*! Alla tabilħaqq jaf sewwa b'dak li kontu tagħmlu.

29. Mela idħlu bwieb l-Infern, u fih tgħammru għal dejjem! Tassew ta' għajb l-għamara ta' l-imkabbrin!"

30. U jintqal lil dawk *(il-ġusti)* li jibżgħu minn Alla: "X'niżżel Sidkom *(il-Mulej lil Muħammad)*?" Huma jgħidu: "*(Kulma huwa)* tajjeb." Lil dawk li jagħmlu t-tajjeb, f'din id-dinja hemm *(ħlas)* tajjeb, iżda d-Dar l-Oħra hija aħjar *(wisq, għaliex qatt ma tintemm)*. Tassew sabiħa Dar dawk li jibżgħu minn Alla;

31. *(sbieħ)* il-Ġonna ta' l-Għeden li huma jidħlu fihom, bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom għandhom kulma jridu *(mingħajr taħbit u tbatija)*. Hekk Alla jħallas lil dawk li jibżgħu minnu,

32. dawk li l-anġli jtemmulhom ħajjithom filwaqt li jkunu tajbin, u jgħidu*(lhom)*: "Sliem għalikom! Idħlu l-Ġenna, ta' *(it-tajjeb)* li kontu tagħmlu!"

33. Jaqaw *(il-ħżiena)* qegħdin jistennew biss li jiġuhom l-anġli *(bil-mewt)*, jew li jiġi l-amar ta' Sidek *(il-Mulej u jieħdu l-kastig)*? Hekk għamlu dawk ta' qabilhom. Alla ma naqasx lejhom *(meta qeridhom)*, iżda huma kienu jonqsu lejhom infushom.

34. Għalhekk l-għemejjel il-ħżiena li għamlu ġew fuqhom, u dak *(il-kastig)* li kienu jżebilħu dawwarhom minn kullimkien.

وَقَالَ ٱلَّذِينَ أَشْرَكُوا۟ لَوْ شَآءَ ٱللَّهُ مَا عَبَدْنَا مِن دُونِهِۦ مِن
شَىْءٍ نَّحْنُ وَلَآ ءَابَآؤُنَا وَلَا حَرَّمْنَا مِن دُونِهِۦ مِن شَىْءٍ ۚ كَذَٰلِكَ
فَعَلَ ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ ۚ فَهَلْ عَلَى ٱلرُّسُلِ إِلَّا ٱلْبَلَٰغُ ٱلْمُبِينُ
(35) وَلَقَدْ بَعَثْنَا فِى كُلِّ أُمَّةٍ رَّسُولًا أَنِ ٱعْبُدُوا۟ ٱللَّهَ
وَٱجْتَنِبُوا۟ ٱلطَّٰغُوتَ ۖ فَمِنْهُم مَّنْ هَدَى ٱللَّهُ وَمِنْهُم مَّنْ
حَقَّتْ عَلَيْهِ ٱلضَّلَٰلَةُ ۚ فَسِيرُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ فَٱنظُرُوا۟ كَيْفَ
كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلْمُكَذِّبِينَ (36) إِن تَحْرِصْ عَلَىٰ هُدَىٰهُمْ
فَإِنَّ ٱللَّهَ لَا يَهْدِى مَن يُضِلُّ ۖ وَمَا لَهُم مِّن نَّٰصِرِينَ (37)
وَأَقْسَمُوا۟ بِٱللَّهِ جَهْدَ أَيْمَٰنِهِمْ ۙ لَا يَبْعَثُ ٱللَّهُ مَن يَمُوتُ ۚ بَلَىٰ
وَعْدًا عَلَيْهِ حَقًّا وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ ٱلنَّاسِ لَا يَعْلَمُونَ (38)
لِيُبَيِّنَ لَهُمُ ٱلَّذِى يَخْتَلِفُونَ فِيهِ وَلِيَعْلَمَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟ أَنَّهُمْ
كَانُوا۟ كَٰذِبِينَ (39) إِنَّمَا قَوْلُنَا لِشَىْءٍ إِذَآ أَرَدْنَٰهُ أَن نَّقُولَ
لَهُۥ كُن فَيَكُونُ (40) وَٱلَّذِينَ هَاجَرُوا۟ فِى ٱللَّهِ مِنۢ بَعْدِ مَا ظُلِمُوا۟
لَنُبَوِّئَنَّهُمْ فِى ٱلدُّنْيَا حَسَنَةً ۖ وَلَأَجْرُ ٱلْءَاخِرَةِ أَكْبَرُ ۚ لَوْ كَانُوا۟
يَعْلَمُونَ (41) ٱلَّذِينَ صَبَرُوا۟ وَعَلَىٰ رَبِّهِمْ يَتَوَكَّلُونَ (42)

35. U dawk li xierku *(allat foloz ma' Alla)* jgħidu *(b'żeblieħ)*: "Li kieku Alla ried, ma tajna qima lil xejn *(u lil ħadd)* ħliefu, *(la)* aħna u lanqas missirijietna, u lanqas konna nipprojbixxu xejn mingħajr *(l-amar)* tiegħu." Hekk għamlu dawk ta' qabilhom. Jaqaw dmir il-Mibgħutin ma huwiex ħlief *(li jwasslu)* it-taħbira mill-aktar ċara?

36. Aħna tabilħaqq bgħatna f'kull ġens Mibgħut *(bil-bxara)*: "Qimu lil Alla, u warrbu l-allat!" U *(kien hemm)* minnhom li Alla mexxiehom fit-triq it-tajba *(u emmnu)*, u minnhom li nħakem mit-telfien. Mela terrqu ma' l-art *(kollha)* u araw kif kien tmiem dawk li giddbu *(is-sewwa)*.

37. Jekk inti *(Muħammad)* tħabrek biex tmexxihom *(fit-triq it-tajba, kun af li)* Alla tabilħaqq ma jmexxix *(lejn is-sewwa)* lil dawk li jtellifhom it-triq *(minħabba l-għażla ħażina tagħhom)*, u lanqas ma għandhom min jgħinhom.

38. *(Il-pagani)* ħalfu b'Alla l-akbar ħalf *(u qalu)* li Alla ma jqajjimx mill-mewt lil min imut. Le *(mhux hekk)*! *(Din)* wegħda li Hu għamel bis-sewwa, iżda ħafna min-nies ma jafux *(is-setgħa ta' Alla, u għalhekk jiċħdu l-qawmien mill-mewt)*.

39. *(Alla jqajjem lill-mejtin)* biex jurihom biċ-ċar dak li ma jaqblux fuqu, u biex dawk li ma jemmnux *(fil-qawmien mill-mewt)* ikunu jafu li huma kienu giddibin.

40. Kliemna, meta rridu xi ħaġa, ikun biss li ngħidulha: "Kun!" u hija tkun.

41. Dawk li emigraw għal Alla, wara li nħaqru *(bl-inġustizzja)*, tabilħaqq inqegħduhom f'għamara tajba f*('din)* id-dinja *(u aħjar minn dik li telqu minnha)*, iżda l-ħlas ta' *(il-Ħajja)* l-Oħra huwa akbar *(wisq)*. Li kienu jafu!

42. *(Huma)* dawk li stabru *(fit-tiġrib kollu)*, u joqogħdu fuq Sidhom *(il-Mulej)*.

وَمَآ أَرۡسَلۡنَا مِن قَبۡلِكَ إِلَّا رِجَالٗا نُّوحِيٓ إِلَيۡهِمۡۚ فَسۡـَٔلُوٓاْ أَهۡلَ
ٱلذِّكۡرِ إِن كُنتُمۡ لَا تَعۡلَمُونَ ﴿43﴾ بِٱلۡبَيِّنَٰتِ وَٱلزُّبُرِۗ وَأَنزَلۡنَآ إِلَيۡكَ
ٱلذِّكۡرَ لِتُبَيِّنَ لِلنَّاسِ مَا نُزِّلَ إِلَيۡهِمۡ وَلَعَلَّهُمۡ يَتَفَكَّرُونَ
﴿44﴾ أَفَأَمِنَ ٱلَّذِينَ مَكَرُواْ ٱلسَّيِّـَٔاتِ أَن يَخۡسِفَ ٱللَّهُ بِهِمُ ٱلۡأَرۡضَ
أَوۡ يَأۡتِيَهُمُ ٱلۡعَذَابُ مِنۡ حَيۡثُ لَا يَشۡعُرُونَ ﴿45﴾ أَوۡ يَأۡخُذَهُمۡ
فِي تَقَلُّبِهِمۡ فَمَا هُم بِمُعۡجِزِينَ ﴿46﴾ أَوۡ يَأۡخُذَهُمۡ عَلَىٰ تَخَوُّفٖ فَإِنَّ
رَبَّكُمۡ لَرَءُوفٞ رَّحِيمٌ ﴿47﴾ أَوَلَمۡ يَرَوۡاْ إِلَىٰ مَا خَلَقَ ٱللَّهُ مِن شَيۡءٖ
يَتَفَيَّؤُاْ ظِلَٰلُهُۥ عَنِ ٱلۡيَمِينِ وَٱلشَّمَآئِلِ سُجَّدٗا لِّلَّهِ وَهُمۡ دَٰخِرُونَ
﴿48﴾ وَلِلَّهِ يَسۡجُدُ مَا فِي ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِي ٱلۡأَرۡضِ مِن دَآبَّةٖ
وَٱلۡمَلَٰٓئِكَةُ وَهُمۡ لَا يَسۡتَكۡبِرُونَ ﴿49﴾ يَخَافُونَ رَبَّهُم مِّن فَوۡقِهِمۡ
وَيَفۡعَلُونَ مَا يُؤۡمَرُونَ ﴿50﴾ ۞ وَقَالَ ٱللَّهُ لَا تَتَّخِذُوٓاْ إِلَٰهَيۡنِ
ٱثۡنَيۡنِۖ إِنَّمَا هُوَ إِلَٰهٞ وَٰحِدٞۖ فَإِيَّٰيَ فَٱرۡهَبُونِ ﴿51﴾ وَلَهُۥ مَا فِي ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلۡأَرۡضِ وَلَهُ ٱلدِّينُ وَاصِبًاۚ أَفَغَيۡرَ ٱللَّهِ تَتَّقُونَ ﴿52﴾ وَمَا بِكُم مِّن
نِّعۡمَةٖ فَمِنَ ٱللَّهِۖ ثُمَّ إِذَا مَسَّكُمُ ٱلضُّرُّ فَإِلَيۡهِ تَجۡـَٔرُونَ ﴿53﴾ ثُمَّ
إِذَا كَشَفَ ٱلضُّرَّ عَنكُمۡ إِذَا فَرِيقٞ مِّنكُم بِرَبِّهِمۡ يُشۡرِكُونَ ﴿54﴾

الحزب 28 سجدة

43. U qablek *(Muħammad)* ma bgħatniex għajr irġiel *(bħalek)* li Aħna nebbaħna. Staqsu, *(ja nies Qurajx)* lin-nies tat-tifkira *(li hija l-Kotba Mqaddsa – sew Lhud kif ukoll Insara)* jekk intom ma tafux *(u taraw kif jgħidulkom li l-Mibgħutin tagħna kienu rġiel u mhux anġli)*.

44. *(Aħna bgħatniehom)* bis-sinjali ċ-ċari u bil-Kotba mqaddsa, u niżżilnielek it-tifkira *(li hu l-Qoran)* biex inti turi biċ-ċar lin-nies dak li tniżżlilhom, u għandhom imnejn jixtarru *(is-siwi tiegħu)*.

45. Jaqaw dawk li nassu l-għemejjel ħżiena *(kontra l-Profeta ta' Alla, u saħansitra riedu joqtluh)* iserrħu rashom li Alla ma jġegħelx l-art tiblagħhom *(bħalma kien ġara lil Qarūn)*, jew li ma jiġihomx il-kastig minn fejn ma jintebhux?

46. Jew *(inkella jserrħu rashom)* li *(Alla)* ma jeħodhomx *(għal għarrieda biex jagħtu kont ta' ħajjithom)*, waqt li jkunu ġejjin u sejrin *(fis-safar tagħhom)*, mingħajr ma jistgħu jaħarbu *(il-kastig)*?

47. Jew jeħodhom *(u jeqridhom ftit ftit)* fil-biża' *(kbir tagħhom mill-kastig)*? Tabilħaqq li Sidkom huwa Kollu Tjubija u Ħanin *(ġaladarba ma jgħaġġilx biex jikkastigakom)*.

48. Jaqaw *(il-ħżiena)* ma jarawx il-ħwejjeġ li ħalaq Alla *(bis-setgħa bla tarf tiegħu)*, u li d-dellijiet tagħhom iduru lejn il-lemin u x-xellug, mixħutin f'qima lil Alla, filwaqt li jiċċekknu għall-aħħar?

49. Għal Alla jinxteħet bil-qima kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art, sew jekk ħlejjaq jitħarrku *(bnedmin u bhejjem)*, sew jekk l-anġli, u huma ma jitkabbrux *(quddiem il-Mulej)*.

50. Huma jibżgħu minn Sidhom *(il-Mulej)* li jinsab fuqhom, u jagħmlu dak li jitqabbdu.

51. Alla qal: "Ma jkollkomx żewġ allat – tnejn – għaliex Huwa Alla Wieħed, u minni *(biss)* ibżgħu!"

52. Tiegħu kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art, u tiegħu d-din għal dejjem. Jaqaw tibżgħu minn xi ħaddieħor għajr Alla?

53. Kull grazzja li għandkom ġejja mingħand Alla, imbagħad jekk tmisskom il-ħsara *(bħall-mard u l-faqar, arakom)* titkarrbulu *(u titolbuh l-għajnuna)*.

54. Imbagħad meta jneħħi l-ħsara minn fuqkom, *(issib li)* ġemgħa minnkom ixierku *(allat foloz)* ma' Sidhom,

لِيَكْفُرُوا۟ بِمَآ ءَاتَيْنَٰهُمْ ۚ فَتَمَتَّعُوا۟ ۖ فَسَوْفَ تَعْلَمُونَ ﴿55﴾ وَيَجْعَلُونَ
لِمَا لَا يَعْلَمُونَ نَصِيبًا مِّمَّا رَزَقْنَٰهُمْ ۗ تَٱللَّهِ لَتُسْـَٔلُنَّ عَمَّا كُنتُمْ
تَفْتَرُونَ ﴿56﴾ وَيَجْعَلُونَ لِلَّهِ ٱلْبَنَٰتِ سُبْحَٰنَهُۥ ۙ وَلَهُم مَّا يَشْتَهُونَ
﴿57﴾ وَإِذَا بُشِّرَ أَحَدُهُم بِٱلْأُنثَىٰ ظَلَّ وَجْهُهُۥ مُسْوَدًّا وَهُوَ كَظِيمٌ
﴿58﴾ يَتَوَٰرَىٰ مِنَ ٱلْقَوْمِ مِن سُوٓءِ مَا بُشِّرَ بِهِۦٓ ۚ أَيُمْسِكُهُۥ عَلَىٰ هُونٍ
أَمْ يَدُسُّهُۥ فِى ٱلتُّرَابِ ۗ أَلَا سَآءَ مَا يَحْكُمُونَ ﴿59﴾ لِلَّذِينَ لَا يُؤْمِنُونَ
بِٱلْءَاخِرَةِ مَثَلُ ٱلسَّوْءِ ۖ وَلِلَّهِ ٱلْمَثَلُ ٱلْأَعْلَىٰ ۚ وَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ
﴿60﴾ وَلَوْ يُؤَاخِذُ ٱللَّهُ ٱلنَّاسَ بِظُلْمِهِم مَّا تَرَكَ عَلَيْهَا مِن دَآبَّةٍ وَلَٰكِن
يُؤَخِّرُهُمْ إِلَىٰٓ أَجَلٍ مُّسَمًّى ۖ فَإِذَا جَآءَ أَجَلُهُمْ لَا يَسْتَـْٔخِرُونَ
سَاعَةً ۖ وَلَا يَسْتَقْدِمُونَ ﴿61﴾ وَيَجْعَلُونَ لِلَّهِ مَا يَكْرَهُونَ
وَتَصِفُ أَلْسِنَتُهُمُ ٱلْكَذِبَ أَنَّ لَهُمُ ٱلْحُسْنَىٰ ۖ لَا جَرَمَ أَنَّ
لَهُمُ ٱلنَّارَ وَأَنَّهُم مُّفْرَطُونَ ﴿62﴾ تَٱللَّهِ لَقَدْ أَرْسَلْنَآ إِلَىٰٓ أُمَمٍ مِّن
قَبْلِكَ فَزَيَّنَ لَهُمُ ٱلشَّيْطَٰنُ أَعْمَٰلَهُمْ فَهُوَ وَلِيُّهُمُ ٱلْيَوْمَ وَلَهُمْ
عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿63﴾ وَمَآ أَنزَلْنَا عَلَيْكَ ٱلْكِتَٰبَ إِلَّا لِتُبَيِّنَ لَهُمُ
ٱلَّذِى ٱخْتَلَفُوا۟ فِيهِ ۙ وَهُدًى وَرَحْمَةً لِّقَوْمٍ يُؤْمِنُونَ ﴿64﴾

55. u ma jafuhulniex ta' dak *(il-ġid kollu)* li tajniehom. Mela gawdu *(għal ftit ieħor, iżda dalwaqt)* se tkunu tafu!

56. Lil dawk *(l-idoli)* li ma jafux *(kif jaqbdu jagħtu prova tad-divinità tagħhom, il-pagani)* jagħtu sehem minn dak li tajniehom għall-għajxien taghhom *(bħalma huma l-ħxejjex u l-bhejjem li huma jressqulhom bħala sagrifiċċju)*. Fuq Alla! Tassew *(li intom il-pagani)* għad tkunu mistoqsija dwar dak li kontu taqilgħu minn żniedkom *(kontra Alla)*!

57. Huma, *(fl-injuranza kbira tagħhom)*, għamlu lil Alla *(ulied)* bniet *(u qalu li dawn tiegħu, meta dawn huma biss l-anġli tiegħu)*! Sebħ lilu! U għalihom *(il-pagani jżommu s-subien)*, dak li jixtiequ *(fuq kollox)*!

58. Meta xi ħadd minnhom jingħata l-bxara li *(twelditlu)* tifla, wiċċu jiswied, u jagħli *(u jagħdab)* għall-aħħar.

59. Huwa jwarrab min-nies minħabba l-aħbar ħażina li ngħatatlu *(għaliex tarbija tifla tagħmillu għajb)*. Tgħid iżommha *(it-tarbija)* minkejja l-għajb *(li ġġib fuqu)*, jew jidfinha *(ħajja)* fit-trab? *(Filwaqt li jistqarru li Alla għandu wlied bniet, huma jridu biss li jkollhom ulied subien!)* Tassew ikrah dak li jaqtgħu *(li jagħmlu)*!

60. Lil dawk li ma jemmnux fl-Ohra *(fil-Ħajja l-Oħra, u qalu li Alla għandu wlied bniet)* tixraq l-agħar tixbiha, u lil Alla *(tixraq)* l-ogħla *(u l-aħjar)* tixbiha. Huwa l-Qawwi u l-Għaref.

61. Li kieku Alla kellu jikkastiga lin-nies tal-ħażen tagħhom, ma kien iħalli ebda ħliqa titħarrek *(fuq l-art kollha, sew bniedem kif ukoll bhima)*, iżda Huwa jagħtihom aktar ħin sa żmien imsemmi *(u magħruf minnu biss)*, u meta jasal żmienhom *(biex imutu)*, ma *(jkunux jistgħu)* itawluh b'siegħa, u lanqas jgħaġġluh.

62. Huma jgħaddu lil Alla dak li jobogħdu *(għalihom infushom, bħall-ulied bniet)*, u l-ilsna tagħhom jaqilgħu l-gideb *(u jgħidu)* li tagħhom hija l-aħjar ħaġa *(il-Ġenna)*, iżda ma hemmx dubju li tagħhom huwa n-Nar, u li huma l-ewwel li jintbagħtu fih.

63. Fuq Alla! *(Ftakar Muħammad li)* Aħna bgħatna *(lill-Profeti tagħna)* għand xi ġnus qablek, iżda x-Xitan *(lill-ħżiena)* żejnilhom l-għemejjel *(qarrieqa)* tagħhom, u llum huwa jieħu ħsiebhom, iżda jkollhom kastig ta' wġigħ.

64. Ma niżżilniex il-Ktieb fuqek jekk mhux biex turihom biċ-ċar dak li ma qablux fuqu, u *(biex dan il-Qoran ikun)* tmexxija tajba u ħniena għal nies li jemmnu.

وَاللَّهُ أَنزَلَ مِنَ السَّمَاءِ مَاءً فَأَحْيَا بِهِ الْأَرْضَ بَعْدَ مَوْتِهَا ۚ إِنَّ فِي ذَٰلِكَ
لَآيَةً لِّقَوْمٍ يَسْمَعُونَ ﴿65﴾ وَإِنَّ لَكُمْ فِي الْأَنْعَامِ لَعِبْرَةً ۖ نُّسْقِيكُم مِّمَّا
فِي بُطُونِهِ مِن بَيْنِ فَرْثٍ وَدَمٍ لَّبَنًا خَالِصًا سَائِغًا لِّلشَّارِبِينَ ﴿66﴾
وَمِن ثَمَرَاتِ النَّخِيلِ وَالْأَعْنَابِ تَتَّخِذُونَ مِنْهُ سَكَرًا وَرِزْقًا
حَسَنًا ۗ إِنَّ فِي ذَٰلِكَ لَآيَةً لِّقَوْمٍ يَعْقِلُونَ ﴿67﴾ وَأَوْحَىٰ رَبُّكَ إِلَى النَّحْلِ
أَنِ اتَّخِذِي مِنَ الْجِبَالِ بُيُوتًا وَمِنَ الشَّجَرِ وَمِمَّا يَعْرِشُونَ ﴿68﴾ ثُمَّ كُلِي
مِن كُلِّ الثَّمَرَاتِ فَاسْلُكِي سُبُلَ رَبِّكِ ذُلُلًا ۚ يَخْرُجُ مِن بُطُونِهَا
شَرَابٌ مُّخْتَلِفٌ أَلْوَانُهُ فِيهِ شِفَاءٌ لِّلنَّاسِ ۗ إِنَّ فِي ذَٰلِكَ لَآيَةً لِّقَوْمٍ
يَتَفَكَّرُونَ ﴿69﴾ وَاللَّهُ خَلَقَكُمْ ثُمَّ يَتَوَفَّاكُمْ ۚ وَمِنكُم مَّن يُرَدُّ إِلَىٰ أَرْذَلِ
الْعُمُرِ لِكَيْ لَا يَعْلَمَ بَعْدَ عِلْمٍ شَيْئًا ۚ إِنَّ اللَّهَ عَلِيمٌ قَدِيرٌ ﴿70﴾ وَاللَّهُ
فَضَّلَ بَعْضَكُمْ عَلَىٰ بَعْضٍ فِي الرِّزْقِ ۚ فَمَا الَّذِينَ فُضِّلُوا بِرَادِّي
رِزْقِهِمْ عَلَىٰ مَا مَلَكَتْ أَيْمَانُهُمْ فَهُمْ فِيهِ سَوَاءٌ ۚ أَفَبِنِعْمَةِ
اللَّهِ يَجْحَدُونَ ﴿71﴾ وَاللَّهُ جَعَلَ لَكُم مِّنْ أَنفُسِكُمْ أَزْوَاجًا
وَجَعَلَ لَكُم مِّنْ أَزْوَاجِكُم بَنِينَ وَحَفَدَةً وَرَزَقَكُم مِّنَ
الطَّيِّبَاتِ ۚ أَفَبِالْبَاطِلِ يُؤْمِنُونَ وَبِنِعْمَتِ اللَّهِ هُمْ يَكْفُرُونَ ﴿72﴾

65. Alla jniżżel mis-sema ilma u bih jaħji l-art wara mewtha. Tabilħaqq li f'dan hawn sinjal *(tas-setgħa bla tarf tiegħu)* għal nies li jisimgħu.

66. Tassew li fil-frat *(bħall-iġmla, il-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż)* għandkom tagħlima *(għaliex)* nisqukom minn dak li hemm f'żaqqhom, minn bejn il-fdalijiet u d-demm: ħalib safi, u jgħaddi malajr għal dawk li jixorbu*(h)*.

67. Minn frott is-siġar tal-palm u d-dwieli tieħdu għalikom xorb li jsakkar u ikel tajjeb *(bħat-tamar u ż-żbib)*. Tabilħaqq li f'dan hawn sinjal għal nies bil-għaqal.

68. Sidek nebbaħ lin-naħal *(u qalilhom)*: "Agħmel għalik djar fl-iġbla, fis-siġar, u f'dak *(il-bini li l-bnedmin)* itellgħu,

69. imbagħad kul mill-frott kollu *(li ssib fil-fjuri)*, u terraq fit-toroq wietja *(u bla tfixkil)* ta' Sidek *(il-Mulej)*!" Minn żaqqhom toħroġ xarba f'bosta lwien *(xi drabi għasel aħmar, abjad jew isfar)*, u fiha fejqan għan-nies *(minn ħafna mard)*. Tabilħaqq li f'dan hawn sinjal għal nies li jixtarru *(il-kobor tas-setgħa ta' Alla)*.

70. Alla ħalaqkom *(bis-setgħa tiegħu)* imbagħad jeħdilkom irwieħkom *(u tinġabru għandu)*. U minnkom hemm min jilħaq l-agħar għomor *(u l-aktar wieħed dgħajjef – dak tax-xjuħija)* biex, wara li kien jaf ħafna, ma jkun jaf xejn *(u jerġa' jsir bħat-tfal, sew fil-qawwa tal-ġisem kif ukoll f'għaqlu)*. Tabilħaqq li Alla jaf kollox u Setgħan fuq kollox.

71. Alla għażel uħud minnkom *(u ppreferiekom)* fuq oħrajn f'*(dawk li huma)* l-għotjiet *(tiegħu)* għall-għajxien. Issa dawk li kienu magħżula *(u preferuti)* ma jagħtux *(dawn)* l-għotjiet lil dawk *(l-ilsiera)* li għandhom fil-leminija tagħhom, biex jiġu ndaqs fihom. Jaqaw jiċħdu l-grazzja ta' Alla?

72. U Alla għamlilkom nisa minnkom infuskom, u minnisa tagħkom għamlilkom ulied, u ulied l-ulied, u takom mill-ħwejjeġ tajba għall-għajxien tagħkom. Jaqaw jemmnu fil-frugħa u jiċħdu l-grazzja ta' Alla?

وَيَعْبُدُونَ مِن دُونِ ٱللَّهِ مَا لَا يَمْلِكُ لَهُمْ رِزْقًا مِّنَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضِ شَيْـًٔا وَلَا يَسْتَطِيعُونَ ﴿73﴾ فَلَا تَضْرِبُوا۟ لِلَّهِ ٱلْأَمْثَالَ ۚ
إِنَّ ٱللَّهَ يَعْلَمُ وَأَنتُمْ لَا تَعْلَمُونَ ﴿74﴾ ۞ ضَرَبَ ٱللَّهُ مَثَلًا عَبْدًا
مَّمْلُوكًا لَّا يَقْدِرُ عَلَىٰ شَىْءٍ وَمَن رَّزَقْنَٰهُ مِنَّا رِزْقًا حَسَنًا
فَهُوَ يُنفِقُ مِنْهُ سِرًّا وَجَهْرًا ۖ هَلْ يَسْتَوُۥنَ ۚ ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ ۚ
بَلْ أَكْثَرُهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿75﴾ وَضَرَبَ ٱللَّهُ مَثَلًا رَّجُلَيْنِ
أَحَدُهُمَآ أَبْكَمُ لَا يَقْدِرُ عَلَىٰ شَىْءٍ وَهُوَ كَلٌّ عَلَىٰ
مَوْلَىٰهُ أَيْنَمَا يُوَجِّههُّ لَا يَأْتِ بِخَيْرٍ ۖ هَلْ يَسْتَوِى هُوَ ۙ وَمَن
يَأْمُرُ بِٱلْعَدْلِ ۙ وَهُوَ عَلَىٰ صِرَٰطٍ مُّسْتَقِيمٍ ﴿76﴾ وَلِلَّهِ غَيْبُ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۚ وَمَآ أَمْرُ ٱلسَّاعَةِ إِلَّا كَلَمْحِ ٱلْبَصَرِ
أَوْ هُوَ أَقْرَبُ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿77﴾ وَٱللَّهُ
أَخْرَجَكُم مِّنۢ بُطُونِ أُمَّهَٰتِكُمْ لَا تَعْلَمُونَ شَيْـًٔا وَجَعَلَ
لَكُمُ ٱلسَّمْعَ وَٱلْأَبْصَٰرَ وَٱلْأَفْـِٔدَةَ ۙ لَعَلَّكُمْ تَشْكُرُونَ
﴿78﴾ أَلَمْ يَرَوْا۟ إِلَى ٱلطَّيْرِ مُسَخَّرَٰتٍ فِى جَوِّ ٱلسَّمَآءِ
مَا يُمْسِكُهُنَّ إِلَّا ٱللَّهُ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَٰتٍ لِّقَوْمٍ يُؤْمِنُونَ ﴿79﴾

ربع الحزب 28

73. Minflok lil Alla, huma jqimu lil dak li ma għandu xejn x'jagħtihom għall-għajxien tagħhom mis-smewwiet u l-art, u lanqas jista' *(jagħmel xejn għalihom)*.

74. La xxebbhu lil Alla ma xejn *(għaliex ma hemmx bħalu)*! Tassew li Alla jaf, u intom ma tafux.

75. Alla jxebbah *(lilu nnifsu u lill-idoli)* ma' *(żewġt irġiel, wieħed)* ilsir f'idejn ħaddieħor, li ma jista' jagħmel xejn *(minn rajh)*, u *(ieħor)* li tajnieh għajxien tajjeb, u huwa jonfoq minnu bil-moħbi u bid-dieher *(biex jogħġob lil Alla)*. Jaqaw *(dawn it-tnejn)* huma ndaqs? *(Żgur li le!)* Tifħir lil Alla! Iżda ħafna minnhom ma jafux.

76. U Alla jxebbah *(lilu nnifsu u lill-idoli)* ma' żewġt irġiel *(oħra)*, wieħed minnhom mutu, u ma jista' jagħmel xejn, u huwa toqol fuq sidu, *(għaliex)* f'kulma jqabbdu ma joħroġ minnu ebda ġid. Jaqaw *(bniedem bħal)* dan u *(ħaddieħor)* li jamar il-ħaqq u huwa fi triq dritta huma ndaqs? *(Żgur li le!)*

77. Ta' Alla huma l-ħwejjeġ mistura tas-smewwiet u ta' l-art *(u jaf kollox dwarhom)*. L-amar dwar is-Siegħa *(tal-Ġudizzju)* ma hijiex għajr bħal tebqa ta' għajn, jew inqas *(minn hekk, u tasal għal għarrieda)*. Tabilħaqq li Alla fuq kollox Setgħan.

78. Alla ħariġkom minn ġwief ommijietkom mingħajr ma tafu xejn, u takom is-smigħ, dawl għajnejkom, u l-qlub biex forsi tiżżu ħajr.

79. Mela ma jarawx it-tajr miżmuma fis-sema, u ma jżommhomx *(hemm fuq, bla ma jaqgħu)* għajr Alla? Tabilħaqq li f'dan hawn sinjali *(tas-setgħa kbira tiegħu)* għal nies li jemmnu.

وَاللَّهُ جَعَلَ لَكُمْ مِّنْ بُيُوتِكُمْ سَكَنًا وَجَعَلَ لَكُم مِّن جُلُودِ
الْأَنْعَٰمِ بُيُوتًا تَسْتَخِفُّونَهَا يَوْمَ ظَعْنِكُمْ وَيَوْمَ إِقَامَتِكُمْ ۙ
وَمِنْ أَصْوَافِهَا وَأَوْبَارِهَا وَأَشْعَارِهَآ أَثَٰثًا وَمَتَٰعًا إِلَىٰ حِينٍ
﴿80﴾ وَاللَّهُ جَعَلَ لَكُمْ مِّمَّا خَلَقَ ظِلَٰلًا وَجَعَلَ لَكُم
مِّنَ الْجِبَالِ أَكْنَٰنًا وَجَعَلَ لَكُمْ سَرَٰبِيلَ تَقِيكُمُ
الْحَرَّ وَسَرَٰبِيلَ تَقِيكُم بَأْسَكُمْ ۚ كَذَٰلِكَ يُتِمُّ نِعْمَتَهُۥ
عَلَيْكُمْ لَعَلَّكُمْ تُسْلِمُونَ ﴿81﴾ فَإِن تَوَلَّوْا فَإِنَّمَا عَلَيْكَ
الْبَلَٰغُ الْمُبِينُ ﴿82﴾ يَعْرِفُونَ نِعْمَتَ اللَّهِ ثُمَّ يُنكِرُونَهَا
وَأَكْثَرُهُمُ الْكَٰفِرُونَ ﴿83﴾ وَيَوْمَ نَبْعَثُ مِن كُلِّ أُمَّةٍ
شَهِيدًا ثُمَّ لَا يُؤْذَنُ لِلَّذِينَ كَفَرُوا وَلَا هُمْ يُسْتَعْتَبُونَ
﴿84﴾ وَإِذَا رَءَا الَّذِينَ ظَلَمُوا الْعَذَابَ فَلَا يُخَفَّفُ عَنْهُمْ وَلَا هُمْ
يُنظَرُونَ ﴿85﴾ وَإِذَا رَءَا الَّذِينَ أَشْرَكُوا شُرَكَآءَهُمْ
قَالُوا رَبَّنَا هَٰٓؤُلَآءِ شُرَكَآؤُنَا الَّذِينَ كُنَّا نَدْعُوا مِن دُونِكَ ۖ
فَأَلْقَوْا إِلَيْهِمُ الْقَوْلَ إِنَّكُمْ لَكَٰذِبُونَ ﴿86﴾ وَأَلْقَوْا
إِلَى اللَّهِ يَوْمَئِذٍ السَّلَمَ ۖ وَضَلَّ عَنْهُم مَّا كَانُوا يَفْتَرُونَ ﴿87﴾

80. Alla għamel minn djarkom imkien għalikom fejn tistrieħu, u minn ġlud il-frat għamlilkom djar *(f'għamla ta' tined)* li ssibuhom ħfief *(biex tkunu tistgħu ġġorruhom)* f'jum is-safar tagħkom, u fil-jum li *(tieqfu biex)* toqogħdu *(fihom)*, u mis-suf *(tan-nagħaġ)* u l-pil *(ta' l-iġmla)*, u minn xagħarhom *(l-aktar tal-mogħoż, tagħmlu)* ħwejjeġ għall-kumditá u l-ħtiġijiet *(tagħkom)*, u tgawdija għal xi żmien *(sa ma tmutu)*.

81. U Alla għamlilkom id-dell minn dak li ħalaq; mill-iġbla għamlilkom *(imkejjen fejn issibu)* il-kenn, u għamlilkom ilbies li jħariskom mis-sħana, u lbies *(f'għamla ta' kurazza)* li jħariskom mill-qilla tagħkom *(għal xulxin meta titqabdu)*. Hekk huwa jġib fil-milja tagħha t-tjieba tiegħu fuqkom *(billi jurikom it-tagħlim ta' l-Islam)*, biex forsi toqogħdu għarrieda tiegħu *(u tagħrfuh bħala Alla Waħdieni tagħkom)*.

82. Iżda jekk jagħtu daharhom *(għaliex ma jridux jisimgħu)*, dmirek *(Muħammad)* ma huwiex ħlief *(li twassal)* it-taħbira mill-aktar ċara.

83. Huma *(l-ewwel)* jagħrfu l-grazzja ta' Alla, imbagħad jiċħduha, u l-kotra tagħhom ma jiżżux ħajr *(lil Alla)*.

84. Fil-Jum meta nqajmu mill-mewt xhud minn kull ġens *(u dan jixhed għat-twemmin jew għaċ-ċaħda tat-twemmin tal-ġens li ntbagħat għandu)*, imbagħad dawk li ċaħdu t-twemmin ma jitħallewx iġibu l-iskużi *(għaliex kliemhom huwa kollu gideb)* u lanqas jintalbu li jibdlu l-imġiba tagħhom biex jogħġbu *(lil Alla b'xi kliem jew għemil, għaliex ikun tard wisq, u jkun wasal ħin il-kastig)*,

85. u meta dawk li għamlu l-ħażen jaraw il-kastig *(ta' l-Infern)*, dan ma jitħaffilhomx *(lanqas b'siegħa waħda)*, u ma jingħatawx aktar żmien.

86. U meta dawk li xierku *(allat foloz ma' Alla)* jaraw l-ixirka tagħhom, jgħidu *(bit-tama li jitnaqqsilhom il-kastig)*: "Sidna, dawn huma l-ixirka tagħna li konna nsejħu minflokok." Iżda *(dawn l-idoli)* jitfgħulhom lura *(dan)* il-kliem *(u jgħidulhom)*: "Tabilħaqq li intom giddibin!"

87. Dakinhar huma juru lil Alla li joqogħdu għalih *(iżda jkun tard wisq)*, u jitlaqhom *(waħidhom, fit-taħwid tagħhom)* dak kollu li kienu jaqilgħu minn żniedhom.

ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ وَصَدُّوا۟ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ زِدْنَٰهُمْ عَذَابًا فَوْقَ
ٱلْعَذَابِ بِمَا كَانُوا۟ يُفْسِدُونَ ﴿88﴾ وَيَوْمَ نَبْعَثُ فِى كُلِّ
أُمَّةٍ شَهِيدًا عَلَيْهِم مِّنْ أَنفُسِهِمْ ۖ وَجِئْنَا بِكَ شَهِيدًا عَلَىٰ
هَٰٓؤُلَآءِ ۚ وَنَزَّلْنَا عَلَيْكَ ٱلْكِتَٰبَ تِبْيَٰنًا لِّكُلِّ شَىْءٍ وَهُدًى
وَرَحْمَةً وَبُشْرَىٰ لِلْمُسْلِمِينَ ﴿89﴾ ۞ إِنَّ ٱللَّهَ يَأْمُرُ بِٱلْعَدْلِ
وَٱلْإِحْسَٰنِ وَإِيتَآئِ ذِى ٱلْقُرْبَىٰ وَيَنْهَىٰ عَنِ ٱلْفَحْشَآءِ
وَٱلْمُنكَرِ وَٱلْبَغْىِ ۚ يَعِظُكُمْ لَعَلَّكُمْ تَذَكَّرُونَ
﴿90﴾ وَأَوْفُوا۟ بِعَهْدِ ٱللَّهِ إِذَا عَٰهَدتُّمْ وَلَا تَنقُضُوا۟ ٱلْأَيْمَٰنَ
بَعْدَ تَوْكِيدِهَا وَقَدْ جَعَلْتُمُ ٱللَّهَ عَلَيْكُمْ كَفِيلًا ۚ إِنَّ
ٱللَّهَ يَعْلَمُ مَا تَفْعَلُونَ ﴿91﴾ وَلَا تَكُونُوا۟ كَٱلَّتِى نَقَضَتْ
غَزْلَهَا مِنۢ بَعْدِ قُوَّةٍ أَنكَٰثًا تَتَّخِذُونَ أَيْمَٰنَكُمْ دَخَلًۢا
بَيْنَكُمْ أَن تَكُونَ أُمَّةٌ هِىَ أَرْبَىٰ مِنْ أُمَّةٍ ۚ إِنَّمَا يَبْلُوكُمُ
ٱللَّهُ بِهِۦ ۚ وَلَيُبَيِّنَنَّ لَكُمْ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ مَا كُنتُمْ فِيهِ تَخْتَلِفُونَ ﴿92﴾
وَلَوْ شَآءَ ٱللَّهُ لَجَعَلَكُمْ أُمَّةً وَٰحِدَةً وَلَٰكِن يُضِلُّ مَن
يَشَآءُ وَيَهْدِى مَن يَشَآءُ ۚ وَلَتُسْـَٔلُنَّ عَمَّا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿93﴾

نصف الحزب 28

88. Dawk li ma jemmnux u jżommu *(lil ħaddieħor)* mit-triq ta' Alla *(li hi l-Islam)* żidnielhom kastig fuq kastig, talħsara li kienu jagħmlu.

89. *(U aħseb Muħammad)* fil-Jum meta nqajmu mill-mewt, f'kull ġens, xhud kontrihom, minnhom infushom, u nġibuk *(Muħammad)* bħala xhud għal dawn *(il-Qurajxin, niesek)*. Aħna niżżilnielek il-Ktieb li jfisser kollox biċ-ċar, u *(huwa wkoll)* tmexxija tajba, ħniena, u bxara tajba lill-Misilmin.

90. Tabilħaqq li Alla jamar *(li jkun hemm)* il-ħaqq *(fost il-bnedmin)*, l-għemejjel tajba, u l-għoti *(ta' l-għajnuna)* lill-qraba. Huwa ma jridx *(li jsir)* il-faħx, *(kull)* għemil ħażin, u inġustizzja. Huwa jwissikom, biex forsi żżommu f'raskom.

91. Oqogħdu għar-rabta ta' Alla meta tidħlu fiha, u la tiksrux il-ħalf tagħkom wara li *(tkunu)* wettaqtuh *(billi semmejtu Isem Alla, u b'hekk)* ġibtu lil Alla jixhed għalikom. Tabilħaqq li Alla jaf b'dak li tagħmlu.

92. U la tkunux bħal dik li ħabblet u ħallet il-ħjut ta' l-għażel tagħha wara li kienu qawwija *(u magħquda ħaġa waħda; dan jixbah lilkom meta)* tinqdew bil-ħalf tagħkom *(imbagħad tiksru l-wegħda)* biex tqarrqu b'xulxin, għaliex ġens ikun akbar fl-għadd *(u l-ġid)* minn ġens ieħor *(u intom tiksru l-wegħda mad-dgħajjef u xxaqilbu lejn il-qawwi)*. Alla qiegħed biss iġarrabkom b'dan *(biex jara min iżomm kelmtu, u min ma jżommhiex)*. Tassew li f'Jum il-Qawmien għad jurikom biċ-ċar dak li ma kontux taqblu fuqu.

93. Li kieku ried, Alla kien jagħmilkom ġens wieħed *(bi twemmin wieħed)*, iżda *(ried iħallikom ħielsa u)* itellef it-triq lil min irid, u jqabbadha lil min irid. U tassew li għad tkunu mistoqsijin dwar dak li kontu tagħmlu.

وَلَا تَتَّخِذُوٓا۟ أَيْمَٰنَكُمْ دَخَلًۢا بَيْنَكُمْ فَتَزِلَّ قَدَمٌۢ بَعْدَ ثُبُوتِهَا
وَتَذُوقُوا۟ ٱلسُّوٓءَ بِمَا صَدَدتُّمْ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ ۖ وَلَكُمْ عَذَابٌ
عَظِيمٌ ﴿94﴾ وَلَا تَشْتَرُوا۟ بِعَهْدِ ٱللَّهِ ثَمَنًا قَلِيلًا ۚ إِنَّمَا عِندَ ٱللَّهِ
هُوَ خَيْرٌ لَّكُمْ إِن كُنتُمْ تَعْلَمُونَ ﴿95﴾ مَا عِندَكُمْ يَنفَدُ ۖ
وَمَا عِندَ ٱللَّهِ بَاقٍ ۗ وَلَنَجْزِيَنَّ ٱلَّذِينَ صَبَرُوٓا۟ أَجْرَهُم بِأَحْسَنِ
مَا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ ﴿96﴾ مَنْ عَمِلَ صَٰلِحًا مِّن ذَكَرٍ
أَوْ أُنثَىٰ وَهُوَ مُؤْمِنٌ فَلَنُحْيِيَنَّهُۥ حَيَوٰةً طَيِّبَةً ۖ وَلَنَجْزِيَنَّهُمْ
أَجْرَهُم بِأَحْسَنِ مَا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ ﴿97﴾ فَإِذَا قَرَأْتَ ٱلْقُرْءَانَ
فَٱسْتَعِذْ بِٱللَّهِ مِنَ ٱلشَّيْطَٰنِ ٱلرَّجِيمِ ﴿98﴾ إِنَّهُۥ لَيْسَ لَهُۥ سُلْطَٰنٌ
عَلَى ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَلَىٰ رَبِّهِمْ يَتَوَكَّلُونَ ﴿99﴾ إِنَّمَا
سُلْطَٰنُهُۥ عَلَى ٱلَّذِينَ يَتَوَلَّوْنَهُۥ وَٱلَّذِينَ هُم بِهِۦ مُشْرِكُونَ
﴿100﴾ وَإِذَا بَدَّلْنَآ ءَايَةً مَّكَانَ ءَايَةٍ ۙ وَٱللَّهُ أَعْلَمُ
بِمَا يُنَزِّلُ قَالُوٓا۟ إِنَّمَآ أَنتَ مُفْتَرٍۭ ۚ بَلْ أَكْثَرُهُمْ لَا يَعْلَمُونَ
﴿101﴾ قُلْ نَزَّلَهُۥ رُوحُ ٱلْقُدُسِ مِن رَّبِّكَ بِٱلْحَقِّ لِيُثَبِّتَ
ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَهُدًى وَبُشْرَىٰ لِلْمُسْلِمِينَ ﴿102﴾

94. La tinqdewx bil-ħalf tagħkom biex tqarrqu b'xulxin, hekk li tiżloq xi sieq *(minn tagħkom u toħroġ mis-sewwa)* wara li kienet fis-sod, u *(ta' dan għemilkom)* idduqu l-ħażen *(tal-kastig)* talli żammejtu *(lil ħaddieħor)* mit-triq ta' Alla *(li hi l-Islam)*, u jkollkom kastig mill-kbar *(f'nar l-Infern)*.

95. Lanqas ma għandkom tbigħu r-rabta ta' Alla *(li hija għal dejjem)* bi prezz irħis *(li jgħaddi)*. Għaliex dak li *(jinsab)* għand Alla huwa wisq aħjar għalikom, li kieku kontu tafu!

96. Dak li għandkom għad jintemm, iżda dak li hemm għand Alla jibqa'. Tassew li lil dawk li stabru *(u żammu sħiħ fil-fidi ta' Alla)* nagħtuhom ħlashom ta' l-aħjar *(għemejjel)* li kienu jagħmlu.

97. Min jagħmel il-ġid, raġel jew mara, filwaqt li jemmen, Aħna tabilħaqq nagħtuh *(fid-dinja)* ħajja tajba, u *(lil dawk li jagħmlu l-ġid)* tassew nagħtuhom ħlashom ta' l-aħjar *(għemejjel)* li kienu jagħmlu.

98. Meta taqra l-Qoran, itlob il-kenn *(u l-ħarsien)* ta' Alla mix-Xitan il-mishut *(biex it-tfesfis tiegħu ma jtellfekx)*.

99. Huwa tabilħaqq ma għandux setgħa fuq dawk li jemmnu u jħallu f'idejn Sidhom.

100. Is-setgħa tiegħu hija biss fuq dawk li ngħaqdu miegħu *(biex iħarishom)*, u li jxierku *(lil ħaddieħor)* ma' Alla.

101. U meta nbiddlu xi vers minflok vers *(ieħor, kunu afu li)* Alla jaf l-aktar b'dak li jniżżel *(ftit ftit lill-bnedmin għall-fejda tagħhom; malajr tismagħhom)* jgħidu: "Inti *(Muħammad)* qiegħed biss taqla' minn żniedek!" Iżda ħafna minnhom ma jafux *(x'qegħdin jgħidu u lanqas jistgħu jifhmu)*.

102. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ruħ il-qodos *(l-anġlu Gabrijel)* niżżlu *(dan il-Qoran)* mingħand Sidek bis-sewwa, biex iwettaq lil dawk li jemmnu, *(kif ukoll biex ikun)* tmexxija sewwa u bxara tajba lill-Misilmin."

وَلَقَدْ نَعْلَمُ أَنَّهُمْ يَقُولُونَ إِنَّمَا يُعَلِّمُهُ بَشَرٌ ۗ لِّسَانُ
ٱلَّذِى يُلْحِدُونَ إِلَيْهِ أَعْجَمِىٌّ وَهَٰذَا لِسَانٌ عَرَبِىٌّ
مُّبِينٌ ﴿103﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ لَا يُؤْمِنُونَ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ لَا يَهْدِيهِمُ
ٱللَّهُ وَلَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿104﴾ إِنَّمَا يَفْتَرِى ٱلْكَذِبَ ٱلَّذِينَ
لَا يُؤْمِنُونَ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ ۖ وَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْكَٰذِبُونَ
﴿105﴾ مَن كَفَرَ بِٱللَّهِ مِنۢ بَعْدِ إِيمَٰنِهِۦٓ إِلَّا مَنْ أُكْرِهَ
وَقَلْبُهُۥ مُطْمَئِنٌّۢ بِٱلْإِيمَٰنِ وَلَٰكِن مَّن شَرَحَ بِٱلْكُفْرِ صَدْرًا
فَعَلَيْهِمْ غَضَبٌ مِّنَ ٱللَّهِ وَلَهُمْ عَذَابٌ عَظِيمٌ ﴿106﴾
ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمُ ٱسْتَحَبُّوا۟ ٱلْحَيَوٰةَ ٱلدُّنْيَا عَلَى ٱلْءَاخِرَةِ
وَأَنَّ ٱللَّهَ لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿107﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ
ٱلَّذِينَ طَبَعَ ٱللَّهُ عَلَىٰ قُلُوبِهِمْ وَسَمْعِهِمْ وَأَبْصَٰرِهِمْ ۖ
وَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْغَٰفِلُونَ ﴿108﴾ لَا جَرَمَ أَنَّهُمْ فِى
ٱلْءَاخِرَةِ هُمُ ٱلْخَٰسِرُونَ ﴿109﴾ ثُمَّ إِنَّ رَبَّكَ
لِلَّذِينَ هَاجَرُوا۟ مِنۢ بَعْدِ مَا فُتِنُوا۟ ثُمَّ جَٰهَدُوا۟
وَصَبَرُوٓا۟ إِنَّ رَبَّكَ مِنۢ بَعْدِهَا لَغَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿110﴾

103. Nafu li huma jgħidu: "Mhux għajr bniedem dak li jgħallmu *(lil Muħammad)*!" *(Dawn għandhom ikunu jafu li)* l-ilsien ta' dak *(Ġabr, iż-żagħżugħ Nisrani)* li qegħdin jitkellmu dwaru *(u qegħdin jgħidu li qiegħed jgħallem lil Muħammad)* huwa barrani, filwaqt li dan *(l-ilsien tal-Qoran huwa)* ilsien Għarbi ċar.

104. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux fis-sinjali ta' Alla *(fosthom dan il-Qoran)*, Alla ma jurihomx it-triq, u għandhom kastig ta' wġigħ.

105. *(Muħammad, tinsiex li)* huma dawk li jaqilgħu l-gideb *(filwaqt li ma jemmnux f'Sidek il-Mulej u)* li ma jemmnux fis-sinjali ta' Alla, u dawk huma l-giddibin.

106. Min jiċħad lil Alla wara li jkun emmen – mhux dak li huwa mġiegħel jiċħad *(bi lsienu)*, u qalbu *(għadha)* mistrieħa fit-twemmin, iżda *(kull)* min jiftaħ qalbu għaċ-ċaħda tat-twemmin – *(nies bħal dawn)* ikollhom fuqhom għadab minn Alla, u għandhom kastig mill-kbar.

107. Dan għaliex huma jħobbu aktar il-ħajja *(f'din)* id-dinja milli *(l-Ħajja)* l-Oħra, u Alla ma jurix it-triq lil dawk li jiċħdu t-twemmin.

108. Huma dawk li Alla qiegħed siġill fuq qlubhom, fuq is-smigħ tagħhom, u fuq dawl għajnejhom *(u b'hekk ma jistgħux jifhmu l-verità)*, u dawk huma li moħħhom imtajjar *(bil-frugħa tad-dinja)*.

109. Ma hemmx dubju li fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)* huma jkunu t-tellifin.

110. Imbagħad *(kun af Muħammad)* li Sidek, lil dawk li emigraw wara li ġġarrbu *(bil-moħqrija tal-ħżiena)*, ħabirku kemm felħu *(u tqabdu)*, u stabru *(u żammu iebes)*, tassew li Sidek, wara dan *(it-tiġrib kollu se jserraħhom għaliex)* huwa Kollu Maħfra u Ħanin.

ثلاثة أرباع
الحزب
28

۞ يَوْمَ تَأْتِي كُلُّ نَفْسٍ تُجَٰدِلُ عَن نَّفْسِهَا وَتُوَفَّىٰ كُلُّ
نَفْسٍ مَّا عَمِلَتْ وَهُمْ لَا يُظْلَمُونَ ﴿111﴾ وَضَرَبَ ٱللَّهُ مَثَلًا
قَرْيَةً كَانَتْ ءَامِنَةً مُّطْمَئِنَّةً يَأْتِيهَا رِزْقُهَا رَغَدًا
مِّن كُلِّ مَكَانٍ فَكَفَرَتْ بِأَنْعُمِ ٱللَّهِ فَأَذَٰقَهَا ٱللَّهُ لِبَاسَ
ٱلْجُوعِ وَٱلْخَوْفِ بِمَا كَانُوا۟ يَصْنَعُونَ ﴿112﴾ وَلَقَدْ
جَآءَهُمْ رَسُولٌ مِّنْهُمْ فَكَذَّبُوهُ فَأَخَذَهُمُ ٱلْعَذَابُ وَهُمْ
ظَٰلِمُونَ ﴿113﴾ فَكُلُوا۟ مِمَّا رَزَقَكُمُ ٱللَّهُ حَلَٰلًا طَيِّبًا
وَٱشْكُرُوا۟ نِعْمَتَ ٱللَّهِ إِن كُنتُمْ إِيَّاهُ تَعْبُدُونَ ﴿114﴾
إِنَّمَا حَرَّمَ عَلَيْكُمُ ٱلْمَيْتَةَ وَٱلدَّمَ وَلَحْمَ ٱلْخِنزِيرِ وَمَآ
أُهِلَّ لِغَيْرِ ٱللَّهِ بِهِۦ ۖ فَمَنِ ٱضْطُرَّ غَيْرَ بَاغٍ وَلَا عَادٍ فَإِنَّ
ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿115﴾ وَلَا تَقُولُوا۟ لِمَا تَصِفُ أَلْسِنَتُكُمُ
ٱلْكَذِبَ هَٰذَا حَلَٰلٌ وَهَٰذَا حَرَامٌ لِّتَفْتَرُوا۟ عَلَى ٱللَّهِ ٱلْكَذِبَ ۚ
إِنَّ ٱلَّذِينَ يَفْتَرُونَ عَلَى ٱللَّهِ ٱلْكَذِبَ لَا يُفْلِحُونَ ﴿116﴾ مَتَٰعٌ قَلِيلٌ
وَلَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿117﴾ وَعَلَى ٱلَّذِينَ هَادُوا۟ حَرَّمْنَا مَا قَصَصْنَا عَلَيْكَ
مِن قَبْلُ ۖ وَمَا ظَلَمْنَٰهُمْ وَلَٰكِن كَانُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ يَظْلِمُونَ ﴿118﴾

111. Fil-Jum *(tal-Ġudizzju)* meta kull ruħ tiġi tħaqqaqha għaliha nnifisha, kull ruħ titħallas sħiħ ta' dak li għamlet, u huma ma jmorrux minn taħt.

112. Alla jxebbah *(nies Mekka, u nies oħra li jġibu rwieħhom bħalhom)* ma' belt li kienet imħarsa u hienja, li ġidha jaslilha bix-xaba' minn kullimkien, *(iżda ġara li)* din ċaħdet il-grazzji ta' Alla *(u l-ġid li sar magħha u għalhekk)* Alla dewwaqha lbies il-ġuħ u l-biża', ta' dak li kienu jagħmlu *(niesha meta ħaduha kontra Alla)*.

113. U ġiehom tassew Mibgħut minn fosthom, iżda huma giddbuh u *(għalhekk)* il-kastig ħadhom *(għal għarrieda)* filwaqt li kienu fil-ħażen tagħhom.

114. Mela kulu minn dak *(il-ġid kollu)* li Alla takom għall-għajxien tagħkom, li jiswa li jittiekel u huwa tajjeb, u roddu ħajr tal-grazzja ta' Alla *(fuqkom)*, jekk tassew tqimuh.

115. Huwa għamel biss ma jiswiex għalikom *(li tieklu laħam)* mejjet, id-demm, laħam il-ħanżir, u kulma kien offrut *(lill-idoli)* minflok lil Alla. Iżda min ikollu *(jiekol dan l-ikel, minħabba l-ħtieġa)* u huwa ma jixtiqux, *(u meta jieklu)* ma jaqbiżx il-limiti, tabilħaqq li Alla Kollu Maħfra u Ħanin.

116. *(Intom il-pagani)* la tgħidux dwar il-gideb li jaqilgħu l-ilsna tagħkom: "Dan jiswa, u dan ma jiswiex", biex taqilgħu l-gideb dwar Alla *(u tgħidu li Huwa hekk irid)*. Tabilħaqq li dawk li jaqilgħu l-gideb dwar Alla ma jirbħux *(la f'din id-dinja, u lanqas fl-Oħra)*.

117. *(Huma jkollhom biss)* tgawdija qasira *(fid-dinja)*, u *(wara dan)* ikollhom kastig ta' wġigħ *(għal dejjem)*.

118. Għamilna ma jiswiex għal-Lhud dak li għednielek qabel *(f'Suret il-Frat: li ma jiklux xaħam il-baqar, il-mogħoż u n-nagħaġ, u ta' bhejjem oħra bid-difer)*. Ma nqasniex lejhom *(minħabba din il-projbizzjoni)*, iżda huma kienu jonqsu lejhom infushom.

ثُمَّ إِنَّ رَبَّكَ لِلَّذِينَ عَمِلُوا السُّوءَ بِجَهَالَةٍ ثُمَّ تَابُوا مِنْ
بَعْدِ ذَٰلِكَ وَأَصْلَحُوا إِنَّ رَبَّكَ مِنْ بَعْدِهَا لَغَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿119﴾
إِنَّ إِبْرَاهِيمَ كَانَ أُمَّةً قَانِتًا لِّلَّهِ حَنِيفًا وَلَمْ يَكُ مِنَ الْمُشْرِكِينَ
﴿120﴾ شَاكِرًا لِّأَنْعُمِهِ اجْتَبَاهُ وَهَدَاهُ إِلَىٰ صِرَاطٍ مُّسْتَقِيمٍ
﴿121﴾ وَآتَيْنَاهُ فِي الدُّنْيَا حَسَنَةً وَإِنَّهُ فِي الْآخِرَةِ لَمِنَ الصَّالِحِينَ
﴿122﴾ ثُمَّ أَوْحَيْنَا إِلَيْكَ أَنِ اتَّبِعْ مِلَّةَ إِبْرَاهِيمَ حَنِيفًا وَمَا كَانَ
مِنَ الْمُشْرِكِينَ ﴿123﴾ إِنَّمَا جُعِلَ السَّبْتُ عَلَى الَّذِينَ
اخْتَلَفُوا فِيهِ وَإِنَّ رَبَّكَ لَيَحْكُمُ بَيْنَهُمْ يَوْمَ الْقِيَامَةِ فِيمَا
كَانُوا فِيهِ يَخْتَلِفُونَ ﴿124﴾ ادْعُ إِلَىٰ سَبِيلِ رَبِّكَ بِالْحِكْمَةِ
وَالْمَوْعِظَةِ الْحَسَنَةِ وَجَادِلْهُم بِالَّتِي هِيَ أَحْسَنُ إِنَّ رَبَّكَ
هُوَ أَعْلَمُ بِمَن ضَلَّ عَن سَبِيلِهِ وَهُوَ أَعْلَمُ بِالْمُهْتَدِينَ ﴿125﴾
وَإِنْ عَاقَبْتُمْ فَعَاقِبُوا بِمِثْلِ مَا عُوقِبْتُم بِهِ وَلَئِن صَبَرْتُمْ
لَهُوَ خَيْرٌ لِّلصَّابِرِينَ ﴿126﴾ وَاصْبِرْ وَمَا صَبْرُكَ إِلَّا بِاللَّهِ
وَلَا تَحْزَنْ عَلَيْهِمْ وَلَا تَكُ فِي ضَيْقٍ مِّمَّا يَمْكُرُونَ
﴿127﴾ إِنَّ اللَّهَ مَعَ الَّذِينَ اتَّقَوا وَّالَّذِينَ هُم مُّحْسِنُونَ ﴿128﴾

119. Imbagħad *(kun af, Muħammad)* li Sidek, lil dawk li jagħmlu l-ħażen bla ma jafu, imbagħad wara dan, jindmu u jibdlu ħajjithom, tassew li Sidek, wara dan *(kollu)*, huwa Kollu Maħfra u Ħanin.

120. Abraham tabilħaqq kien ġens *(fih innifsu)*, mogħti kollu kemm hu lil Alla, safi *(fil-fidi)*, u ma kienx minn dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla)*.

121. Kien *(dejjem)* jiżżi ħajr *(lil Alla)* tal-grazzji tiegħu. *(Alla)* għażlu *(biex ikun Mibgħut tiegħu)*, u mexxieh lejn triq dritta.

122. U tajnieh il-ġid f'*(din)* id-dinja, u fl-Oħra huwa tabilħaqq mal-ġusti.

123. Imbagħad nebbaħniek *(Muħammad u għednielek)*: "Imxi fuq it-twemmin safi ta' Abraham! Huwa ma kienx minn dawk li jxierku."

124. Is-Sibt kien magħmul *(jorbot)* biss għal dawk *(il-Lhud)* li ma qablux fuqu. Sidek tabilħaqq għad jagħmel ħaqq minnhom, f'Jum il-Qawmien, dwar dak li ma kinux jaqblu fuqu.

125. Sejjaħ *(Muħammad lin-nies)* lejn triq Sidek *(u l-liġi tiegħu)* bl-għerf u bit-twissija t-tajba, u ħaqqaqha magħhom bl-aħjar mod *(li tista')*. Sidek tassew jaf l-aktar dwar min ħareġ minn triqtu, u l-aktar li jaf b'dawk li huma fit-triq it-tajba.

126. U jekk *(lill-ħżiena u lill-aggressuri)* tikkastigaw*(hom*, ikkastigawhom *(b'kastig)* bħal dak li kontu kastigati bih, iżda jekk tistabru *(u taħfru)*, dan ikun aħjar għal dawk li jistabru.

127. Stabar *(Muħammad, f'dan it-tiġrib kollu! Kun af li)* sabrek mhux għajr b'Alla *(u bl-għajnuna tiegħu)*. U la titnikkitx għalihom *(il-pagani)*, u la tiddejjaqx minħabba dak li jnassu.

128. Alla tabilħaqq ma' dawk li jibżgħu minnu, u li jagħmlu t-tajjeb.

سُورَةُ الإِسْرَاءِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

الجزء 15
الحزب 29

سُبْحَانَ الَّذِي أَسْرَىٰ بِعَبْدِهِ لَيْلًا مِّنَ الْمَسْجِدِ الْحَرَامِ
إِلَى الْمَسْجِدِ الْأَقْصَا الَّذِي بَارَكْنَا حَوْلَهُ لِنُرِيَهُ مِنْ آيَاتِنَا ۚ إِنَّهُ
هُوَ السَّمِيعُ الْبَصِيرُ ﴿1﴾ وَآتَيْنَا مُوسَى الْكِتَابَ وَجَعَلْنَاهُ
هُدًى لِّبَنِي إِسْرَائِيلَ أَلَّا تَتَّخِذُوا مِن دُونِي وَكِيلًا ﴿2﴾
ذُرِّيَّةَ مَنْ حَمَلْنَا مَعَ نُوحٍ ۚ إِنَّهُ كَانَ عَبْدًا شَكُورًا ﴿3﴾
وَقَضَيْنَا إِلَىٰ بَنِي إِسْرَائِيلَ فِي الْكِتَابِ لَتُفْسِدُنَّ فِي الْأَرْضِ
مَرَّتَيْنِ وَلَتَعْلُنَّ عُلُوًّا كَبِيرًا ﴿4﴾ فَإِذَا جَاءَ وَعْدُ أُولَاهُمَا بَعَثْنَا
عَلَيْكُمْ عِبَادًا لَّنَا أُولِي بَأْسٍ شَدِيدٍ فَجَاسُوا خِلَالَ الدِّيَارِ ۚ
وَكَانَ وَعْدًا مَّفْعُولًا ﴿5﴾ ثُمَّ رَدَدْنَا لَكُمُ الْكَرَّةَ عَلَيْهِمْ
وَأَمْدَدْنَاكُم بِأَمْوَالٍ وَبَنِينَ وَجَعَلْنَاكُمْ أَكْثَرَ نَفِيرًا ﴿6﴾
إِنْ أَحْسَنتُمْ أَحْسَنتُمْ لِأَنفُسِكُمْ ۖ وَإِنْ أَسَأْتُمْ فَلَهَا ۚ فَإِذَا جَاءَ
وَعْدُ الْآخِرَةِ لِيَسُوءُوا وُجُوهَكُمْ وَلِيَدْخُلُوا الْمَسْجِدَ
كَمَا دَخَلُوهُ أَوَّلَ مَرَّةٍ وَلِيُتَبِّرُوا مَا عَلَوْا تَتْبِيرًا ﴿7﴾

17. *Sūratu l-'Isrā'*

(Suret is-Safra Billejl – Niżlet b'Mekka b'111-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Sebħ lil Dak li bagħat lill-qaddej tiegħu *(Muħammad)* fuq safra billejl mill-Moskea mqaddsa *(f'Mekka)* sa l-Moskea l-imbiegħda *(f'Ġerusalemm, il-Moskea 'al-'Aqsā)*, li Aħna berikna madwarha, biex nuruh uħud missinjali tagħna *(fis-Saltna tas-sema u ta' l-art)*. Huwa tabilħaqq jisma' kollox u jara kollox.
2. U tajna lil Mosè l-Ktieb *(tat-Torā)*, u għamilnieh tmexxija tajba għal Ulied Israel *(u għednielhom: "Araw li)* ma jkollkom lil ħadd li jieħu ħsiebkom għajri!
3. *(Intom)* in-nisel ta' dawk li ġarrejna *(fl-arka)* ma' Noè. Huwa kien tabilħaqq qaddej li jaf irodd ħajr *(mela agħmlu bħalu)*."
4. U ħabbarna lil Ulied Israel fil-Ktieb *(tat-Torā u wissejniehom)*: "Darbtejn tagħmlu ħsara fuq l-art, u tabilħaqq togħlew wisq *(fil-kburija u l-kefrija tagħkom)*."
5. U meta waslet l-ewwel wegħda mit-tnejn *(kif konna wissejna)*, Aħna bgħatna kontrikom qaddejja tagħna ta' qilla kbira *(biex jitħallsu minnkom)*. Huma daħlu ġewwa d-djar *(tagħkom biex ifittxukom)*. U kienet wegħda mitmuma *(għaliex ħadd ma seta' jaħrab minnha)*.
6. Imbagħad *(wara li wrejtu ndiema)* raddejnielkom lura s-setgħa tagħkom fuqhom *(fuq l-għedewwa tagħkom)*, żidniekom fil-ġid u fl-ulied, u għamilniekom akbar flgħadd *(minn dawk l-għedewwa)*.
7. Jekk tagħmlu t-tajjeb, tagħmluh għalikom infuskom, u jekk tagħmlu l-ħażen, mela kontrikom *(tagħmluh)*. U meta waslet l-aħħar wegħda *(li tħabbar it-tieni ħsara li se tagħmlu, ħallejna lill-għedewwa tagħkom)* iħassrulkom uċuħkom *(u jġibukom fix-xejn)*, jidħlu fil-maqdes bħalma daħlu fih l-ewwel darba, u jeqirdu għal kollox kulma jaħkmu *(taħt idejhom)*.

عَسَىٰ رَبُّكُمْ أَن يَرْحَمَكُمْ ۚ وَإِنْ عُدتُّمْ عُدْنَا ۘ وَجَعَلْنَا جَهَنَّمَ لِلْكَافِرِينَ
حَصِيرًا ﴿8﴾ إِنَّ هَٰذَا الْقُرْآنَ يَهْدِي لِلَّتِي هِيَ أَقْوَمُ وَيُبَشِّرُ
الْمُؤْمِنِينَ الَّذِينَ يَعْمَلُونَ الصَّالِحَاتِ أَنَّ لَهُمْ أَجْرًا كَبِيرًا ﴿9﴾
وَأَنَّ الَّذِينَ لَا يُؤْمِنُونَ بِالْآخِرَةِ أَعْتَدْنَا لَهُمْ عَذَابًا أَلِيمًا ﴿10﴾
وَيَدْعُ الْإِنسَانُ بِالشَّرِّ دُعَاءَهُ بِالْخَيْرِ ۖ وَكَانَ الْإِنسَانُ عَجُولًا ﴿11﴾
وَجَعَلْنَا الَّيْلَ وَالنَّهَارَ آيَتَيْنِ ۖ فَمَحَوْنَا آيَةَ الَّيْلِ وَجَعَلْنَا آيَةَ
النَّهَارِ مُبْصِرَةً لِّتَبْتَغُوا فَضْلًا مِّن رَّبِّكُمْ وَلِتَعْلَمُوا عَدَدَ
السِّنِينَ وَالْحِسَابَ ۚ وَكُلَّ شَيْءٍ فَصَّلْنَاهُ تَفْصِيلًا ﴿12﴾ وَكُلَّ
إِنسَانٍ أَلْزَمْنَاهُ طَائِرَهُ فِي عُنُقِهِ ۖ وَنُخْرِجُ لَهُ يَوْمَ الْقِيَامَةِ كِتَابًا
يَلْقَاهُ مَنشُورًا ﴿13﴾ اقْرَأْ كِتَابَكَ كَفَىٰ بِنَفْسِكَ الْيَوْمَ عَلَيْكَ حَسِيبًا
﴿14﴾ مَّنِ اهْتَدَىٰ فَإِنَّمَا يَهْتَدِي لِنَفْسِهِ ۖ وَمَن ضَلَّ فَإِنَّمَا يَضِلُّ
عَلَيْهَا ۚ وَلَا تَزِرُ وَازِرَةٌ وِزْرَ أُخْرَىٰ ۗ وَمَا كُنَّا مُعَذِّبِينَ حَتَّىٰ نَبْعَثَ
رَسُولًا ﴿15﴾ وَإِذَا أَرَدْنَا أَن نُّهْلِكَ قَرْيَةً أَمَرْنَا مُتْرَفِيهَا فَفَسَقُوا فِيهَا
فَحَقَّ عَلَيْهَا الْقَوْلُ فَدَمَّرْنَاهَا تَدْمِيرًا ﴿16﴾ وَكَمْ أَهْلَكْنَا مِنَ
الْقُرُونِ مِن بَعْدِ نُوحٍ ۗ وَكَفَىٰ بِرَبِّكَ بِذُنُوبِ عِبَادِهِ خَبِيرًا بَصِيرًا ﴿17﴾

8. Għandu mnejn Sidkom ihenn għalikom. Iżda jekk terġgħu lura *(għall-ħażen tagħkom)*, Aħna *(ukoll)* nerġgħu lura *(bil-kastigi tagħna)*, u għamilna l-Infern ħabs għal dawk li jiċħdu t-twemmin.
9. Tabilħaqq li dan il-Qoran juri *(u jwassal)* lejn l-aktar triq dritta, u jagħti l-bxara t-tajba lil dawk li jemmnu u li jagħmlu għemejjel tajba, li għalihom hemm ħlas kbir *(fil-Ġenna)*.
10. *(Dan il-Qoran iħabbar ukoll)* li dawk li ma jemmnux fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)*, ħejjejna għalihom kastig ta' wġigħ *(fl-Infern)*.
11. Il-bniedem jitlob għad-deni daqskemm jitlob għall-ġid, u l-bniedem huwa *(dejjem)* mgħaġġel *(fi kliemu u f'għemilu, mingħajr ma jieqaf jaħseb)*.
12. U għamilna l-lejl u n-nhar bħala żewġ sinjali *(tal-qawwa tagħna)*, u ħassarna s-sinjal tal-lejl *(hekk li dallamnieh biex matulu tistrieħu)*, u għamilna s-sinjal tan-nhar biex juri*(kom fejn sejrin u)* biex *(matulu)* tfittxu tjieba minn Sidkom *(fil-ħidma tagħkom)*, u biex tkunu tafu l-għadd tas-snin u l-qjies. Kollox fissirna bir-reqqa kollha.
13. Lil kull bniedem irbatnielu d-destin tiegħu ma' għonqu *(hekk li qatt ma jħallih)*, u f'Jum il-Qawmien noħorġulu ktieb li jsib miftuħ beraħ *(quddiemu, bl-għemejjel kollha ta' ħajtu mniżżla fih)*.
14. *(Imbagħad jingħad lilu:)* "Aqra l-ktieb tiegħek! Illum inti biżżejjed għalik innifsek biex tagħmel il-kont tiegħek."
15. Min qabad it-triq it-tajba, huwa qabadha għalih innifsu, u min tilef it-triq, ma tilifhiex jekk mhux bi ħsara għalih. Dik *(ir-ruħ)* li terfa' t-toqol *(tad-dnub)* ma terfax toqol ta' ruħ oħra. Aħna ma nikkastigawx qabel ma nibagħtu Mibgħut *(biex jilħaq iwissi)*.
16. U meta rridu neqirdu xi belt, joħroġ l-amar tagħna *(permezz tal-Mibgħutin tagħna)* lill-għonja tagħha *(u lill-mexxejja li jgħixu fiha biex joqogħdu għal Kliemna, iżda huma ma jagħtux widen u xorta waħda)* jagħmlu l-ħażen fiha, ħekk li *(dik il-belt)* ikun ħaqqha l-Kelma *(tal-kastig li toħroġ mingħandna)* kontriha, u neqirduha għal kollox.
17. Kemm-il nisel qridna wara Noè *(bħal nies Għād, Ṯamūd, u nies il-Fargħun)*, u Sidek *(Muħammad)* huwa biżżejjed biex ikun jaf u jara sew dnubiet il-qaddejja tiegħu *(u jħallashom kif jixraq)*.

مَّن كَانَ يُرِيدُ ٱلْعَاجِلَةَ عَجَّلْنَا لَهُۥ فِيهَا مَا نَشَآءُ لِمَن نُّرِيدُ ثُمَّ
جَعَلْنَا لَهُۥ جَهَنَّمَ يَصْلَىٰهَا مَذْمُومًا مَّدْحُورًا ﴿18﴾ وَمَنْ أَرَادَ
ٱلْءَاخِرَةَ وَسَعَىٰ لَهَا سَعْيَهَا وَهُوَ مُؤْمِنٌ فَأُو۟لَٰٓئِكَ كَانَ
سَعْيُهُم مَّشْكُورًا ﴿19﴾ كُلًّا نُّمِدُّ هَٰٓؤُلَآءِ وَهَٰٓؤُلَآءِ مِنْ عَطَآءِ
رَبِّكَ ۚ وَمَا كَانَ عَطَآءُ رَبِّكَ مَحْظُورًا ﴿20﴾ ٱنظُرْ كَيْفَ فَضَّلْنَا
بَعْضَهُمْ عَلَىٰ بَعْضٍ ۚ وَلَلْءَاخِرَةُ أَكْبَرُ دَرَجَٰتٍ وَأَكْبَرُ تَفْضِيلًا
﴿21﴾ لَّا تَجْعَلْ مَعَ ٱللَّهِ إِلَٰهًا ءَاخَرَ فَتَقْعُدَ مَذْمُومًا مَّخْذُولًا ﴿22﴾
۞ وَقَضَىٰ رَبُّكَ أَلَّا تَعْبُدُوٓا۟ إِلَّآ إِيَّاهُ وَبِٱلْوَٰلِدَيْنِ إِحْسَٰنًا ۚ إِمَّا
يَبْلُغَنَّ عِندَكَ ٱلْكِبَرَ أَحَدُهُمَآ أَوْ كِلَاهُمَا فَلَا تَقُل لَّهُمَآ
أُفٍّ وَلَا تَنْهَرْهُمَا وَقُل لَّهُمَا قَوْلًا كَرِيمًا ﴿23﴾ وَٱخْفِضْ
لَهُمَا جَنَاحَ ٱلذُّلِّ مِنَ ٱلرَّحْمَةِ وَقُل رَّبِّ ٱرْحَمْهُمَا كَمَا رَبَّيَانِى
صَغِيرًا ﴿24﴾ رَّبُّكُمْ أَعْلَمُ بِمَا فِى نُفُوسِكُمْ ۚ إِن تَكُونُوا۟ صَٰلِحِينَ
فَإِنَّهُۥ كَانَ لِلْأَوَّٰبِينَ غَفُورًا ﴿25﴾ وَءَاتِ ذَا ٱلْقُرْبَىٰ حَقَّهُۥ
وَٱلْمِسْكِينَ وَٱبْنَ ٱلسَّبِيلِ وَلَا تُبَذِّرْ تَبْذِيرًا ﴿26﴾ إِنَّ ٱلْمُبَذِّرِينَ
كَانُوٓا۟ إِخْوَٰنَ ٱلشَّيَٰطِينِ ۖ وَكَانَ ٱلشَّيْطَٰنُ لِرَبِّهِۦ كَفُورًا ﴿27﴾

ربع الحزب 29

18. Min irid *(jgħix biss għal din il-ħajja)* li tgħaġġel *(lejn tmiemha, arana)* ngħaġġlu fiha dak li rridu Aħna, lil min irridu, imbagħad għamilnielu l-Infern biex jinxtewa fih, imkasbar u mkeċċi *('il bogħod mill-ħniena ta' Alla)*.
19. Iżda min irid *(il-Ħajja)* l-Oħra, u jħabrek għaliha t-tħabrik li ġġib magħha, filwaqt li huwa jemmen, *(nies bħal)* dawk, it-tħabrik tagħhom jintlaqa' b'ħajr *(minn Alla u jieħdu l-ħlas tiegħu)*.
20. Lil kulħadd nagħtu, sew lil dawn *(ta' l-ewwel, li jħobbu d-dinja)* kif ukoll lil dawn *(ta' l-aħħar, li jixxennqu għall-Ħajja ta' dejjem)*, mill-għoti *(kotran)* ta' Sidek, u l-għoti ta' Sidek ma huwiex miżmum lura *(minn ħadd)*.
21. Ara *(Muħammad)* kif lil uħud ippreferejniehom minn ħaddieħor *(fil-ġid li tajniehom, hekk li ssib min hu għani, u min hu fqir)*, iżda *(il-Ħajja)* l-Oħra hija ogħla fil-gradi *(ta' ġieħ)* u akbar fl-istima.
22. Ara li ma tagħmilx alla ieħor ma' Alla, *(inkella)* toqgħod fil-għajb u tkun minsi *(minnu)*.
23. Sidek amar li ma tqimux ħliefu, u *(li jeħtieġ turu)* tjubija mal-ġenituri *(tagħkom)*. Sew jekk wieħed minnhom, u sew jekk it-tnejn li huma jaslu sax-xjuħija miegħek, la tgħidilhomx "Uff!" u lanqas iċċanfarhom, iżda għidilhom kelma tajba.
24. U fil-ħniena *(tiegħek)*, niżżel fuqhom il-ġewnaħ ta' l-umiltà *(tiegħek lejhom)* u għid: "Sidi, ħenn għalihom bħalma *(għamlu huma miegħi meta)* rabbewni meta kont żgħir."
25. Sidkom jaf l-aktar dwar x'hemm fikom infuskom. Jekk tkunu tajbin *(u ġusti)*, tabilħaqq li Huwa Kollu Maħfra ma' dawk li dejjem jerġgħu jduru lejh *(bl-indiema)*.
26. U agħti lil qaribek dak li ħaqqu, u lill-fqir u lil dak li jterraq *(u imxi tajjeb magħhom)*, u lanqas tberbaq *(ġidek)* fi tberbiq.
27. Il-ħaljin *(li jberbqu ġidhom bl-addoċċ)* huma l-aħwa tax-xjaten, u x-Xitan ma jafħulux lil Sidu *(il-Mulej, u lanqas ħutu l-ħaljin)*.

وَإِمَّا تُعْرِضَنَّ عَنْهُمُ ٱبْتِغَآءَ رَحْمَةٍ مِّن رَّبِّكَ تَرْجُوهَا فَقُل لَّهُمْ قَوْلًا
مَّيْسُورًا ﴿28﴾ وَلَا تَجْعَلْ يَدَكَ مَغْلُولَةً إِلَىٰ عُنُقِكَ وَلَا تَبْسُطْهَا
كُلَّ ٱلْبَسْطِ فَتَقْعُدَ مَلُومًا مَّحْسُورًا ﴿29﴾ إِنَّ رَبَّكَ يَبْسُطُ ٱلرِّزْقَ
لِمَن يَشَآءُ وَيَقْدِرُ ۚ إِنَّهُۥ كَانَ بِعِبَادِهِۦ خَبِيرًۢا بَصِيرًا ﴿30﴾ وَلَا تَقْتُلُوٓا۟
أَوْلَٰدَكُمْ خَشْيَةَ إِمْلَٰقٍ ۖ نَّحْنُ نَرْزُقُهُمْ وَإِيَّاكُمْ ۚ إِنَّ قَتْلَهُمْ كَانَ
خِطْـًٔا كَبِيرًا ﴿31﴾ وَلَا تَقْرَبُوا۟ ٱلزِّنَىٰٓ ۖ إِنَّهُۥ كَانَ فَٰحِشَةً وَسَآءَ
سَبِيلًا ﴿32﴾ وَلَا تَقْتُلُوا۟ ٱلنَّفْسَ ٱلَّتِى حَرَّمَ ٱللَّهُ إِلَّا بِٱلْحَقِّ ۗ وَمَن
قُتِلَ مَظْلُومًا فَقَدْ جَعَلْنَا لِوَلِيِّهِۦ سُلْطَٰنًا فَلَا يُسْرِف فِّى
ٱلْقَتْلِ ۖ إِنَّهُۥ كَانَ مَنصُورًا ﴿33﴾ وَلَا تَقْرَبُوا۟ مَالَ ٱلْيَتِيمِ إِلَّا بِٱلَّتِى
هِىَ أَحْسَنُ حَتَّىٰ يَبْلُغَ أَشُدَّهُۥ ۚ وَأَوْفُوا۟ بِٱلْعَهْدِ ۖ إِنَّ ٱلْعَهْدَ كَانَ
مَسْـُٔولًا ﴿34﴾ وَأَوْفُوا۟ ٱلْكَيْلَ إِذَا كِلْتُمْ وَزِنُوا۟ بِٱلْقِسْطَاسِ ٱلْمُسْتَقِيمِ ۚ
ذَٰلِكَ خَيْرٌ وَأَحْسَنُ تَأْوِيلًا ﴿35﴾ وَلَا تَقْفُ مَا لَيْسَ لَكَ بِهِۦ عِلْمٌ ۚ
إِنَّ ٱلسَّمْعَ وَٱلْبَصَرَ وَٱلْفُؤَادَ كُلُّ أُو۟لَٰٓئِكَ كَانَ عَنْهُ مَسْـُٔولًا ﴿36﴾
وَلَا تَمْشِ فِى ٱلْأَرْضِ مَرَحًا ۖ إِنَّكَ لَن تَخْرِقَ ٱلْأَرْضَ وَلَن تَبْلُغَ
ٱلْجِبَالَ طُولًا ﴿37﴾ كُلُّ ذَٰلِكَ كَانَ سَيِّئُهُۥ عِندَ رَبِّكَ مَكْرُوهًا ﴿38﴾

28. U jekk *(inti Muħammad)* twarrab minnhom *(dawk li huma fil-ħtieġa, għaliex ma ssibx x'tagħtihom)* biex tfittex ħniena minn Sidek, li inti tittama fiha *(u tistenna mingħandu għotja biex tgħinhom)*, għidilhom bil-ħlewwa *(li meta jkollok x'tagħtihom, inti ma ċċaħħadhomx)*.

29. U la żżommx idek marbuta ma' għonqok *(fix-xeħħa)*, u lanqas tmiddha sa l-aħħar *(u ttajjar ġidek kollu)*, ħekk li *(imbagħad)* ilumuk u tibqa' b'xejn.

30. Tassew li Sidek jifrex il-ġid *(tiegħu bix-xaba')* fuq min irid, kif ukoll jagħti bil-ftit *(lil min irid)*. Huwa tabilħaqq jaf sewwa lill-qaddejja tiegħu u jara kollox *(kulma jagħmlu)*.

31. La toqtlux lil uliedkom bil-biża' tal-faqar! Aħna ngħajxu lilhom u lilkom. Tassew li l-qtil tagħhom huwa ħtija kbira.

32. Lanqas toqorbu lejn iż-żina! Din tabilħaqq għemil faħxi u triq ħażina.

33. La toqtlux ir-ruħ li Alla pprojbixxa *(li tinqatel)* jekk mhux bil-ħaqq *(u skond il-liġi tiegħu)*. U min jinqatel bla ħtija, Aħna tajna lil qarību li jieħu ħsiebu s-setgħa *(jew li jitlob li jinqatel il-qattiel bi tpattija, jew inkella s-setgħa li jieħu kumpens u jinħafer il-qtil)*, iżda ma għandux jesaġera fil-qtil *(u joqtol nies oħra barra l-qattiel)*, u tabilħaqq ikun megħjun *(minn Alla u l-liġi qaddisa tiegħu)*.

34. U la toqorbux lejn ġid l-iltim, ħlief b'dak li hu aħjar *(għall-ġid tiegħu)*, sa ma jilħaq l-aqwa tiegħu *(u jsir matur)*. U żommu kelmitkom fir-rabta *(li tidħlu fiha, sew ma' Alla, kif ukoll mal-bnedmin)*, għaliex tabilħaqq li *(f'Jum il-Ġudizzju)* tkunu mistoqsijin dwar ir-rabta *(u dwar kull kelma li tkunu tajtu f'ħajjitkom)*.

35. Agħtu kejl *(sewwa)* meta tkejlu, u iżnu bil-miżien it-tajjeb *(biex ma tqarrqux)*! Dan huwa aktar xieraq u *(fl-aħħar iwassal biex ikollkom)* l-aħjar tmiem.

36. La timxix wara dak li ma għandekx għarfien dwaru. Tabilħaqq li s-smigħ, dawl l-għajnejn, u l-qalb – dawn kollha *(f'Jum il-Ġudizzju, il-bniedem)* ikun mistoqsi dwarhom.

37. Lanqas timxi fuq l-art imkabbar *(u bi ksuħat)*! Inti tabilħaqq m'intix se *(tkun tista')* tofroq l-art, u lanqas m'inti se tilħaq l-iġbla fit-tul.

38. Il-ħażen ta' dan kollu huwa mistkerrah f'għajnejn Sidek.

ذَٰلِكَ مِمَّآ أَوْحَىٰٓ إِلَيْكَ رَبُّكَ مِنَ ٱلْحِكْمَةِ ۗ وَلَا تَجْعَلْ مَعَ ٱللَّهِ إِلَٰهًا
ءَاخَرَ فَتُلْقَىٰ فِى جَهَنَّمَ مَلُومًا مَّدْحُورًا ﴿39﴾ أَفَأَصْفَىٰكُمْ رَبُّكُم
بِٱلْبَنِينَ وَٱتَّخَذَ مِنَ ٱلْمَلَٰٓئِكَةِ إِنَٰثًا ۚ إِنَّكُمْ لَتَقُولُونَ قَوْلًا عَظِيمًا ﴿40﴾
وَلَقَدْ صَرَّفْنَا فِى هَٰذَا ٱلْقُرْءَانِ لِيَذَّكَّرُوا۟ وَمَا يَزِيدُهُمْ إِلَّا نُفُورًا ﴿41﴾
قُل لَّوْ كَانَ مَعَهُۥٓ ءَالِهَةٌ كَمَا يَقُولُونَ إِذًا لَّٱبْتَغَوْا۟ إِلَىٰ ذِى ٱلْعَرْشِ سَبِيلًا
﴿42﴾ سُبْحَٰنَهُۥ وَتَعَٰلَىٰ عَمَّا يَقُولُونَ عُلُوًّا كَبِيرًا ﴿43﴾ تُسَبِّحُ لَهُ ٱلسَّمَٰوَٰتُ
ٱلسَّبْعُ وَٱلْأَرْضُ وَمَن فِيهِنَّ ۚ وَإِن مِّن شَىْءٍ إِلَّا يُسَبِّحُ بِحَمْدِهِۦ وَلَٰكِن
لَّا تَفْقَهُونَ تَسْبِيحَهُمْ ۗ إِنَّهُۥ كَانَ حَلِيمًا غَفُورًا ﴿44﴾ وَإِذَا قَرَأْتَ
ٱلْقُرْءَانَ جَعَلْنَا بَيْنَكَ وَبَيْنَ ٱلَّذِينَ لَا يُؤْمِنُونَ بِٱلْءَاخِرَةِ حِجَابًا
مَّسْتُورًا ﴿45﴾ وَجَعَلْنَا عَلَىٰ قُلُوبِهِمْ أَكِنَّةً أَن يَفْقَهُوهُ وَفِىٓ ءَاذَانِهِمْ
وَقْرًا ۚ وَإِذَا ذَكَرْتَ رَبَّكَ فِى ٱلْقُرْءَانِ وَحْدَهُۥ وَلَّوْا۟ عَلَىٰٓ أَدْبَٰرِهِمْ نُفُورًا
﴿46﴾ نَّحْنُ أَعْلَمُ بِمَا يَسْتَمِعُونَ بِهِۦٓ إِذْ يَسْتَمِعُونَ إِلَيْكَ وَإِذْ هُمْ نَجْوَىٰٓ
إِذْ يَقُولُ ٱلظَّٰلِمُونَ إِن تَتَّبِعُونَ إِلَّا رَجُلًا مَّسْحُورًا ﴿47﴾ ٱنظُرْ
كَيْفَ ضَرَبُوا۟ لَكَ ٱلْأَمْثَالَ فَضَلُّوا۟ فَلَا يَسْتَطِيعُونَ سَبِيلًا ﴿48﴾
وَقَالُوٓا۟ أَءِذَا كُنَّا عِظَٰمًا وَرُفَٰتًا أَءِنَّا لَمَبْعُوثُونَ خَلْقًا جَدِيدًا ﴿49﴾

39. Dan *(li qegħdin inwasslulek, Muħammad)* ġej mill-għerf li Sidek nebbaħlek, u la tagħmilx alla ieħor ma' Alla, hekk li *(imbagħad ta' dan)* tintefa' fl-Infern, u tkun ta' min wieħed ilumek, kif ukoll imkeċċi.
40. Jaqaw *(lilkom il-pagani)* Sidkom għażilkom *(mill-oħrajn)* bis-subien, u Hu żamm għalih bniet mill-anġli? Intom tabilħaqq tgħidu kliem ta' l-għaġeb *(fil-kruha tiegħu)*!
41. F'dan il-Qoran fissirna *(kollox)* biċ-ċar biex iżommu f'rashom, iżda ma humiex għajr jitnaffru aktar *(mis-sewwa u jitbiegħdu minnu)*.
42. Għid*(ilhom Muħammad lill-pagani)*: "Kieku kellu miegħu allat *(oħra)*, kif jgħidu, kieku *(dawn l-allat)* kienu jfittxu triq *(li twassal)* għal Sid it-Tron *(u jaraw kif jeħdulu s-saltna)*!"
43. Sebħ lilu! Huwa wisq ogħla minn dak *(il-kliem fieragħ)* li jgħidu *(dwaru)*!
44. Isebbħuh is-seba' smewwiet u l-art, u kulma fihom. Ma hemm xejn li ma jfaħħarx is-sebħ tiegħu, iżda intom ma tifħmux it-tisbiħ tagħhom. Huwa tabilħaqq Kollu Ħlewwa u Sabar, u Kollu Maħfra.
45. Meta taqra l-Qoran, Aħna nqiegħdu bejnek u bejn dawk li ma jemmnux fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)* velu mistur *(hekk li ma jkunux jistgħu jifhmu l-qari)*.
46. Aħna qegħedna għata fuq qalbhom *(li jżommhom)* milli jifħmuh *(il-Qoran)*, u f'widnejhom *(qegħednielhom)* toqol *(li jżommhom milli jisimgħuh)*. Meta ssemmi lil Sidek – lilu waħdu – fil-Qoran, huma jagħtu daharhom *(lis-sewwa)* u jaħarbu*(ha)*.
47. Aħna nafu l-aktar b'dak li *(għandhom f'rashom meta)* jisimgħu *(il-qari tal-Qoran: li jżebilħuh)* meta jisimgħuk, u *(nafu sewwa x'jgħidu)* meta jiltaqgħu bejniethom bil-moħbi, u meta l-ħżiena jgħidu: "Intom timxu biss wara raġel imsaħħar!"
48. Ara *(Muħammad)* kif xebbhu miegħek it-tixbihat *(u qalu li inti saħħar, u oħrajn qalu li int poeta, u kien hemm min qal li inti miġnun)*, u ntilfu, hekk li ma jistgħux isibu triq.
49. U jgħidu *(fiċ-ċaħda tat-twemmin)*: "Jaqaw, meta nkunu għadam u trab, se nitqajmu mill-mewt bħala ħolqien ġdid?"



۞ قُلْ كُونُوا۟ حِجَارَةً أَوْ حَدِيدًا ﴿50﴾ أَوْ خَلْقًا مِّمَّا يَكْبُرُ فِى
صُدُورِكُمْ ۚ فَسَيَقُولُونَ مَن يُعِيدُنَا ۖ قُلِ ٱلَّذِى فَطَرَكُمْ أَوَّلَ مَرَّةٍ ۚ
فَسَيُنْغِضُونَ إِلَيْكَ رُءُوسَهُمْ وَيَقُولُونَ مَتَىٰ هُوَ ۖ قُلْ عَسَىٰٓ أَن
يَكُونَ قَرِيبًا ﴿51﴾ يَوْمَ يَدْعُوكُمْ فَتَسْتَجِيبُونَ بِحَمْدِهِۦ
وَتَظُنُّونَ إِن لَّبِثْتُمْ إِلَّا قَلِيلًا ﴿52﴾ وَقُل لِّعِبَادِى يَقُولُوا۟ ٱلَّتِى هِىَ
أَحْسَنُ ۚ إِنَّ ٱلشَّيْطَٰنَ يَنزَغُ بَيْنَهُمْ ۚ إِنَّ ٱلشَّيْطَٰنَ كَانَ لِلْإِنسَٰنِ
عَدُوًّا مُّبِينًا ﴿53﴾ رَّبُّكُمْ أَعْلَمُ بِكُمْ ۖ إِن يَشَأْ يَرْحَمْكُمْ أَوْ إِن يَشَأْ
يُعَذِّبْكُمْ ۚ وَمَآ أَرْسَلْنَٰكَ عَلَيْهِمْ وَكِيلًا ﴿54﴾ وَرَبُّكَ أَعْلَمُ
بِمَن فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۗ وَلَقَدْ فَضَّلْنَا بَعْضَ ٱلنَّبِيِّۦنَ عَلَىٰ بَعْضٍ ۖ
وَءَاتَيْنَا دَاوُۥدَ زَبُورًا ﴿55﴾ قُلِ ٱدْعُوا۟ ٱلَّذِينَ زَعَمْتُم مِّن دُونِهِۦ فَلَا
يَمْلِكُونَ كَشْفَ ٱلضُّرِّ عَنكُمْ وَلَا تَحْوِيلًا ﴿56﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ
يَدْعُونَ يَبْتَغُونَ إِلَىٰ رَبِّهِمُ ٱلْوَسِيلَةَ أَيُّهُمْ أَقْرَبُ وَيَرْجُونَ
رَحْمَتَهُۥ وَيَخَافُونَ عَذَابَهُۥٓ ۚ إِنَّ عَذَابَ رَبِّكَ كَانَ مَحْذُورًا ﴿57﴾
وَإِن مِّن قَرْيَةٍ إِلَّا نَحْنُ مُهْلِكُوهَا قَبْلَ يَوْمِ ٱلْقِيَٰمَةِ
أَوْ مُعَذِّبُوهَا عَذَابًا شَدِيدًا ۚ كَانَ ذَٰلِكَ فِى ٱلْكِتَٰبِ مَسْطُورًا ﴿58﴾

50. Għid*(ilhom Muħammad)*: "*(Mela!)* Tistgħu tkunu tal-ġebel jew tal-ħadid *(għaliex xorta waħda titqajmu mill-mewt)*,

51. jew *(tistgħu tkunu xi)* ħolqien *(ieħor)* li f'moħħkom *(jidhrilkom li hu)* aktar iebes *(li jseħħ dan il-qawmien mill-mewt)*." Huma se jgħidu: "Min iroddna lura *(għall-ħajja wara mewtna)*?" Għid*(ilhom Muħammad)*: "Dak li ħalaqkom l-ewwel darba." U *(imbagħad)* iħarrkulek irjushom *(biż-żebliħ)*, u jgħidu: "Meta huwa *(dan kollu)*?" Għid*(ilhom)*: "Jaf ikun fil-qrib!"

52. Fil-Jum li jsejħilkom, se twieġbu *(għas-sejħa)* bit-tifħir tiegħu, u taħsbu li ma bqajtux *(fid-dinja jew fil-qabar)* għajr għal żmien qasir.

53. Għid *(Muħammad)* lill-qaddejja tiegħi biex jgħidu dak li huwa l-aħjar *(fit-taħdit tagħhom)*. Tabilħaqq li x-Xitan iġib il-firda bejniethom. Tassew li x-Xitan huwa għadu fil-berah tal-bniedem!

54. Sidkom huwa l-aktar li jafkom: jekk irid, iħenn għalikom, jew jekk irid, jikkastigakom. Aħna ma bgħatniekx biex tkun responsabbli tagħhom.

55. U Sidek jaf l-aktar b'min jinsab fis-smewwiet u fl-art. Xi Profeti ppreferejniehom *(fl-għerf bla tarf tagħna)* minn oħrajn, u tajna lil David is-Salmi.

56. Għid*(ilhom, Muħammad, lill-pagani)*: "Sejħu lil dawk li tgħidu *(li huma allat)* minfloku; huma la jistgħu jneħħu s-saram minn fuqkom, u lanqas *(jistgħu)* jibdlu *(xejn)*!"

57. Dawk *(l-allat u l-idoli kollha)* li *(il-pagani)* isejħu *(huma stess)* ifittxu li jsibu kif jaslu għand Sidhom, *(u bil-pika bejniethom biex jaraw)* liema huma l-eqreb *(lejh)*, jittamaw fil-ħniena tiegħu, u jibżgħu mill-kastig tiegħu. Tabilħaqq li l-kastig ta' Sidek huwa ta' min jibża' minnu.

58. Ma hemmx belt *(bla twemmin)* li ma neqirduhiex qabel Jum il-Qawmien, jew li ma nikkastigawhiex b'kastig qalil. Dan miktub fil-Ktieb *(ta' dejjem)*.

وَمَا مَنَعَنَآ أَن نُّرۡسِلَ بِٱلۡأٓيَٰتِ إِلَّآ أَن كَذَّبَ بِهَا ٱلۡأَوَّلُونَۚ وَءَاتَيۡنَا ثَمُودَ ٱلنَّاقَةَ مُبۡصِرَةٗ فَظَلَمُواْ بِهَاۚ وَمَا نُرۡسِلُ بِٱلۡأٓيَٰتِ إِلَّا تَخۡوِيفٗا ﴿59﴾ وَإِذۡ قُلۡنَا لَكَ إِنَّ رَبَّكَ أَحَاطَ بِٱلنَّاسِۚ وَمَا جَعَلۡنَا ٱلرُّءۡيَا ٱلَّتِيٓ أَرَيۡنَٰكَ إِلَّا فِتۡنَةٗ لِّلنَّاسِ وَٱلشَّجَرَةَ ٱلۡمَلۡعُونَةَ فِي ٱلۡقُرۡءَانِۚ وَنُخَوِّفُهُمۡ فَمَا يَزِيدُهُمۡ إِلَّا طُغۡيَانٗا كَبِيرٗا ﴿60﴾ وَإِذۡ قُلۡنَا لِلۡمَلَٰٓئِكَةِ ٱسۡجُدُواْ لِأٓدَمَ فَسَجَدُوٓاْ إِلَّآ إِبۡلِيسَ قَالَ ءَأَسۡجُدُ لِمَنۡ خَلَقۡتَ طِينٗا ﴿61﴾ قَالَ أَرَءَيۡتَكَ هَٰذَا ٱلَّذِي كَرَّمۡتَ عَلَيَّ لَئِنۡ أَخَّرۡتَنِ إِلَىٰ يَوۡمِ ٱلۡقِيَٰمَةِ لَأَحۡتَنِكَنَّ ذُرِّيَّتَهُۥٓ إِلَّا قَلِيلٗا ﴿62﴾ قَالَ ٱذۡهَبۡ فَمَن تَبِعَكَ مِنۡهُمۡ فَإِنَّ جَهَنَّمَ جَزَآؤُكُمۡ جَزَآءٗ مَّوۡفُورٗا ﴿63﴾ وَٱسۡتَفۡزِزۡ مَنِ ٱسۡتَطَعۡتَ مِنۡهُم بِصَوۡتِكَ وَأَجۡلِبۡ عَلَيۡهِم بِخَيۡلِكَ وَرَجِلِكَ وَشَارِكۡهُمۡ فِي ٱلۡأَمۡوَٰلِ وَٱلۡأَوۡلَٰدِ وَعِدۡهُمۡۚ وَمَا يَعِدُهُمُ ٱلشَّيۡطَٰنُ إِلَّا غُرُورًا ﴿64﴾ إِنَّ عِبَادِي لَيۡسَ لَكَ عَلَيۡهِمۡ سُلۡطَٰنٞۚ وَكَفَىٰ بِرَبِّكَ وَكِيلٗا ﴿65﴾ رَّبُّكُمُ ٱلَّذِي يُزۡجِي لَكُمُ ٱلۡفُلۡكَ فِي ٱلۡبَحۡرِ لِتَبۡتَغُواْ مِن فَضۡلِهِۦٓۚ إِنَّهُۥ كَانَ بِكُمۡ رَحِيمٗا ﴿66﴾

59. Xejn ma żammna milli nibagħtu s-sinjali jekk mhux minħabba li nies il-qedem kienu giddbuhom. U lil *(nies)* Ṯāmūd tajniehom il-ġemla, sinjal ċar, iżda huma naqsu lejha *(u qatluha)*. Aħna ma nibagħtux is-sinjali *(tagħna, bħalma huma t-theżżiżiet ta' l-art, il-beraq u r-ragħad, l-eklissi, eċċ.)* jekk mhux biex inbeżżgħu *(bihom u nwiddbu lill-bnedmin)*.

60. U ftakar *(Muħammad)* meta għednielek li Sidek jaf kollox dwar in-nies. U d-dehra li wrejniek *(matul is-safra billejl u meta tellajniek fis-sema)*, u s-siġra l-mishuta *(imsejħa żaqqūm u msemmija)* fil-Qoran, ma għamilnihomx jekk mhux biex inġarrbu lin-nies. Aħna nbeżżgħuhom *(u nwissuhom)*, iżda *(dan il-biża')* ma jżidhomx jekk mhux fil-ħtija l-kbira *(tagħhom)*.

61. *(Ftakar ukoll)* meta għedna lill-anġli: "Inxteħtu quddiem Adam *(u sellmulu)*!" U huma nxeħtu, ħlief Iblīs. Qal *(Iblīs fil-kburija tiegħu)*: "Jaqaw jiena *(maħluq min-nar)* għandi ninxteħet quddiem dak *(inqas minni)* li Inti ħlaqt mit-tajn? *(Dan ma jkun qatt!)*"

62. Qal *(ukoll lil Alla)*: "Rajtx? Dan *(hu l-maħluq)* li Inti weġġaħt u *(għollejtu)* fuqi. Jekk tagħtini żmien sa Jum il-Qawmien, tassew naħkem lil nislu, *(u ma jaħarbulix)* ħlief ftit *(minnhom)*!"

63. Qal*(lu Alla)*: "Mur, *(tajtek iż-żmien)*! Dawk minnhom li jimxu warajk *(u fosthom intom il-pagani)*, l-Infern tabilħaqq ikun ħlaskom, *(u jkun għalikom ilkoll)* ħlas sħiħ!

64. Qanqal b'leħnek *(biex jiġu warajk)* lil min tista' minnhom, u iġbor kontrihom il-qawwiet tiegħek rekbin fuq iż-żwiemel u dawk bil-mixi *(biex jaħbtu għalihom)*, u aqsam magħhom fil-ġid *(materjali miksub bil-qerq)* u fl-ulied, u wegħedhom *(wegħdiet fiergħa)*. Iżda x-Xitan ma jwegħedhomx għajr il-qerq.

65. Tabilħaqq li inti *(Iblīs)* ma għandekx setgħa fuq il-qaddejja tiegħi. Sidek huwa biżżejjed *(għalihom)* biex iħarishom."

66. Huwa Sidkom li jagħmel l-iġfna jżiġġu fil-baħar biex tfittxu *(l-ġid)* mit-tjieba tiegħu. Huwa tabilħaqq Ħanin magħkom.

وَإِذَا مَسَّكُمُ ٱلضُّرُّ فِى ٱلْبَحْرِ ضَلَّ مَن تَدْعُونَ إِلَّآ إِيَّاهُ ۖ فَلَمَّا نَجَّىٰكُمْ
إِلَى ٱلْبَرِّ أَعْرَضْتُمْ ۚ وَكَانَ ٱلْإِنسَٰنُ كَفُورًا ﴿67﴾ أَفَأَمِنتُمْ أَن يَخْسِفَ
بِكُمْ جَانِبَ ٱلْبَرِّ أَوْ يُرْسِلَ عَلَيْكُمْ حَاصِبًا ثُمَّ لَا تَجِدُوا۟ لَكُمْ
وَكِيلًا ﴿68﴾ أَمْ أَمِنتُمْ أَن يُعِيدَكُمْ فِيهِ تَارَةً أُخْرَىٰ فَيُرْسِلَ
عَلَيْكُمْ قَاصِفًا مِّنَ ٱلرِّيحِ فَيُغْرِقَكُم بِمَا كَفَرْتُمْ ثُمَّ لَا تَجِدُوا۟
لَكُمْ عَلَيْنَا بِهِۦ تَبِيعًا ﴿69﴾ ۞ وَلَقَدْ كَرَّمْنَا بَنِىٓ ءَادَمَ وَحَمَلْنَٰهُمْ
فِى ٱلْبَرِّ وَٱلْبَحْرِ وَرَزَقْنَٰهُم مِّنَ ٱلطَّيِّبَٰتِ وَفَضَّلْنَٰهُمْ عَلَىٰ
كَثِيرٍ مِّمَّنْ خَلَقْنَا تَفْضِيلًا ﴿70﴾ يَوْمَ نَدْعُوا۟ كُلَّ أُنَاسٍۭ
بِإِمَٰمِهِمْ ۖ فَمَنْ أُوتِىَ كِتَٰبَهُۥ بِيَمِينِهِۦ فَأُو۟لَٰٓئِكَ يَقْرَءُونَ
كِتَٰبَهُمْ وَلَا يُظْلَمُونَ فَتِيلًا ﴿71﴾ وَمَن كَانَ فِى هَٰذِهِۦٓ
أَعْمَىٰ فَهُوَ فِى ٱلْءَاخِرَةِ أَعْمَىٰ وَأَضَلُّ سَبِيلًا ﴿72﴾ وَإِن كَادُوا۟
لَيَفْتِنُونَكَ عَنِ ٱلَّذِىٓ أَوْحَيْنَآ إِلَيْكَ لِتَفْتَرِىَ عَلَيْنَا غَيْرَهُۥ ۖ
وَإِذًا لَّٱتَّخَذُوكَ خَلِيلًا ﴿73﴾ وَلَوْلَآ أَن ثَبَّتْنَٰكَ لَقَدْ كِدتَّ
تَرْكَنُ إِلَيْهِمْ شَيْـًٔا قَلِيلًا ﴿74﴾ إِذًا لَّأَذَقْنَٰكَ ضِعْفَ
ٱلْحَيَوٰةِ وَضِعْفَ ٱلْمَمَاتِ ثُمَّ لَا تَجِدُ لَكَ عَلَيْنَا نَصِيرًا ﴿75﴾

ثلاثة أرباع الحزب 29

67. U meta tmisskom il-ħsara fil-baħar *(u tkunu se tintilfu)*, dawk *(l-allat)* li intom issejħu *(biex jgħinukom)* jgħibu, ħlief Alla, iżda meta jeħliskom *(u jwassalkom lura)* lejn l-art, intom *(xorta waħda)* tagħtu*(h)* il-ġenb. Il-bniedem ma jafhulux lil Alla!

68. Jaqaw isserrħu raskom li *(wara li ħlistuha mill-għarqa, Alla)* ma jġegħelx tarf l-art jiblagħkom, jew jibgħat fuqkom riefnu kbir ta' ġebel *(bħalma kien ġara lil nies Lot)*? Imbagħad *(żgur li)* ma ssibux min jieħu ħsiebkom *(u jħariskom mill-kastig ta' Alla)*.

69. Jew isserrħu raskom li ma jibgħatkomx lura fih *(il-baħar)*, darba oħra, u jibgħat fuqkom riħ qawwi u jgħerriqkom, talli ma kontux tafuhulu? Imbagħad *(taraw)* li ma ssibux min jaqbeż għalikom kontrina.

70. Aħna tajna ġieħ lil ulied Adam, ġarrejniehom fuq l-art u l-baħar, u tajniehom mill-ħwejjeġ tajbin *(għall-għajxien tagħhom)*, kif ukoll għażilniehom fuq ħafna ħlejjaq oħra li ħlaqna.

71. Fil-Jum li nsejħu lin-nies kollha bl-*imām* tagħhom,[52] u *(kull)* min jingħata l-ktieb *(li fih hemm imniżżla l-għemejjel kollha ta' ħajtu)* f'*(idu)* il-leminija, dawk jaqraw *(bil-ferħ l-għemejjel tajba mniżżla ġewwa)* il-ktieb tagħhom, u lanqas naqra ma ssir inġustizzja magħhom *(fil-ħlas sabiħ li jieħdu)*.

72. Iżda min kien agħma f*('din)* id-dinja *(hekk li ma mxiex fi triq is-sewwa)*, fl-Oħra jkun agħma *(ukoll)* u f'aktar telfien tat-triq *(tal-Ġenna)*.

73. *(Il-pagani)* kienu għoddhom ġarrbuk *(Muħammad)* biex titlaq dak li nebbaħnielek, biex kontrina taqla' minn żniedek *(xi ktieb)* ieħor *(minflok il-Qoran)*. Mela *(kieku dan seħħ)*, kienu jagħmlu minnek ħabib *(tagħhom)*.

74. U li kieku ma saħħaħniekx, kont tista' xxaqleb lejhom *(u tisma' minnhom)*.

75. Mela *(kieku dan seħħ)*, konna ndewquk *(kastig)* doppju f*('din)* il-ħajja u *(kastig)* doppju fil-mewt, u mbagħad ma kontx issib min jgħinek kontrina.

---

[52] Il-frażi *bl-imām tagħhom* tista' tfisser "bil-mexxej tagħhom", jew "bil-ktieb ta' għemilhom".

وَإِن كَادُوا۟ لَيَسْتَفِزُّونَكَ مِنَ ٱلْأَرْضِ لِيُخْرِجُوكَ مِنْهَا
وَإِذًا لَّا يَلْبَثُونَ خِلَٰفَكَ إِلَّا قَلِيلًا ﴿76﴾ سُنَّةَ مَن قَدْ
أَرْسَلْنَا قَبْلَكَ مِن رُّسُلِنَا وَلَا تَجِدُ لِسُنَّتِنَا تَحْوِيلًا ﴿77﴾ أَقِمِ
ٱلصَّلَوٰةَ لِدُلُوكِ ٱلشَّمْسِ إِلَىٰ غَسَقِ ٱلَّيْلِ وَقُرْءَانَ ٱلْفَجْرِ إِنَّ
قُرْءَانَ ٱلْفَجْرِ كَانَ مَشْهُودًا ﴿78﴾ وَمِنَ ٱلَّيْلِ فَتَهَجَّدْ بِهِۦ
نَافِلَةً لَّكَ عَسَىٰٓ أَن يَبْعَثَكَ رَبُّكَ مَقَامًا مَّحْمُودًا ﴿79﴾ وَقُل رَّبِّ
أَدْخِلْنِى مُدْخَلَ صِدْقٍ وَأَخْرِجْنِى مُخْرَجَ صِدْقٍ وَٱجْعَل لِّى مِن
لَّدُنكَ سُلْطَٰنًا نَّصِيرًا ﴿80﴾ وَقُلْ جَآءَ ٱلْحَقُّ وَزَهَقَ ٱلْبَٰطِلُ
إِنَّ ٱلْبَٰطِلَ كَانَ زَهُوقًا ﴿81﴾ وَنُنَزِّلُ مِنَ ٱلْقُرْءَانِ مَا هُوَ شِفَآءٌ
وَرَحْمَةٌ لِّلْمُؤْمِنِينَ وَلَا يَزِيدُ ٱلظَّٰلِمِينَ إِلَّا خَسَارًا ﴿82﴾ وَإِذَآ
أَنْعَمْنَا عَلَى ٱلْإِنسَٰنِ أَعْرَضَ وَنَـَٔا بِجَانِبِهِۦ وَإِذَا مَسَّهُ ٱلشَّرُّ كَانَ يَـُٔوسًا
﴿83﴾ قُلْ كُلٌّ يَعْمَلُ عَلَىٰ شَاكِلَتِهِۦ فَرَبُّكُمْ أَعْلَمُ بِمَنْ هُوَ أَهْدَىٰ
سَبِيلًا ﴿84﴾ وَيَسْـَٔلُونَكَ عَنِ ٱلرُّوحِ قُلِ ٱلرُّوحُ مِنْ أَمْرِ رَبِّى
وَمَآ أُوتِيتُم مِّنَ ٱلْعِلْمِ إِلَّا قَلِيلًا ﴿85﴾ وَلَئِن شِئْنَا لَنَذْهَبَنَّ
بِٱلَّذِىٓ أَوْحَيْنَآ إِلَيْكَ ثُمَّ لَا تَجِدُ لَكَ بِهِۦ عَلَيْنَا وَكِيلًا ﴿86﴾

76. U *(ftakar Muħammad li l-pagani)* kienu għoddhom keċċewk mill-art *(li kont tgħix fiha, il-belt ta' Mekka)* biex joħorġuk minnha. Mela *(kieku dan seħħ)*, ma kinux jibqgħu *(f'dik l-art)* warajk ħlief għal ftit *(taż-żmien, bħalma seħħ fi żmien Lot)*.

77. *(Din kienet)* id-drawwa *(tagħna ma')* il-Mibgħutin tagħna li konna bgħatna qablek *(li neqirdu lil kull ġens li keċċa lil xi Profeta)*, u ma ssib *(ebda)* bidla f'din id-drawwa.

78. Agħmel *(Muħammad)* it-talb *(ħames darbiet kuljum)*, minn meta tmil ix-xemx *(wara nofsinhar)* sa dalmet il-lejl, u *(żid)* il-qari *(waqt it-talb)* tas-sebħ! Tabilħaqq li l-qari *(u t-talb)* tas-sebħ jixhdu għalih *(l-anġli)*.

79. Itlob taqsima mil-lejl bħala talb volontarju *(li jkun ta' fejda)* għalik! Għandu mnejn Sidek iqajmek għal qagħda ta' ġieħ *(fil-Ġenna)*.

80. Għid *(Muħammad)*: "Sidi, daħħalni mid-dħul tas-sewwa, u oħroġni mill-ħruġ tas-sewwa, u agħmel li jkolli mingħandek setgħa *(li tkun)* ta' għajnuna."

81. U għid *(ukoll)*: "Ġie s-sewwa *(li hu l-Islam)* u għeb il-qerq *(tal-paganiżmu)*. Tabilħaqq li l-qerq għad jgħib."

82. Aħna nniżżlu *(u nuru)* mill-Qoran dak li hu fejqan u ħniena għal dawk li jemmnu, iżda *(dan)* ma jżidx lill-ħżiena għajr fil-ħsara.

83. Meta nixħtu l-grazzja tagħna fuq il-bniedem *(b'kull ġid li nagħmlu miegħu, arah)* jagħti dahru *(għaliex xejn ma jafhulna)* u jwarrab lil hemm. U meta jmissu d-deni, huwa jaqta' jiesu *(mill-ħniena ta' Alla)*.

84. Għid *(Muħammad)*: "Kulħadd jagħmel skond ix-xeħta tiegħu *(tajjeb jew ħażin)*, u Sidkom jaf l-aħjar b'min huwa l-aktar fit-triq it-tajba."

85. Huma jistaqsuk dwar ir-Ruħ. Għid*(ilhom)*: "Ir-Ruħ hija ħaġa ta' Sidi, u ma ngħatajtux mill-għarfien għajr ftit."

86. Li kieku ridna, stajna nħassru dak li nebbaħnielek, u mbagħad ma ssibx min, minħabba fih *(il-Qoran)*, jaqbeż għalik *(u jitlobna li nagħtuk lura dan il-Ktieb)*.

إِلَّا رَحْمَةً مِّن رَّبِّكَ ۚ إِنَّ فَضْلَهُۥ كَانَ عَلَيْكَ كَبِيرًا ﴿87﴾ قُل
لَّئِنِ ٱجْتَمَعَتِ ٱلْإِنسُ وَٱلْجِنُّ عَلَىٰٓ أَن يَأْتُوا۟ بِمِثْلِ هَٰذَا ٱلْقُرْءَانِ
لَا يَأْتُونَ بِمِثْلِهِۦ وَلَوْ كَانَ بَعْضُهُمْ لِبَعْضٍ ظَهِيرًا ﴿88﴾ وَلَقَدْ
صَرَّفْنَا لِلنَّاسِ فِى هَٰذَا ٱلْقُرْءَانِ مِن كُلِّ مَثَلٍ فَأَبَىٰٓ أَكْثَرُ ٱلنَّاسِ
إِلَّا كُفُورًا ﴿89﴾ وَقَالُوا۟ لَن نُّؤْمِنَ لَكَ حَتَّىٰ تَفْجُرَ لَنَا مِنَ
ٱلْأَرْضِ يَنۢبُوعًا ﴿90﴾ أَوْ تَكُونَ لَكَ جَنَّةٌ مِّن نَّخِيلٍ وَعِنَبٍ
فَتُفَجِّرَ ٱلْأَنْهَٰرَ خِلَٰلَهَا تَفْجِيرًا ﴿91﴾ أَوْ تُسْقِطَ ٱلسَّمَآءَ كَمَا
زَعَمْتَ عَلَيْنَا كِسَفًا أَوْ تَأْتِىَ بِٱللَّهِ وَٱلْمَلَٰٓئِكَةِ قَبِيلًا ﴿92﴾
أَوْ يَكُونَ لَكَ بَيْتٌ مِّن زُخْرُفٍ أَوْ تَرْقَىٰ فِى ٱلسَّمَآءِ ۖ وَلَن نُّؤْمِنَ
لِرُقِيِّكَ حَتَّىٰ تُنَزِّلَ عَلَيْنَا كِتَٰبًا نَّقْرَؤُهُۥ ۗ قُلْ سُبْحَانَ رَبِّى هَلْ
كُنتُ إِلَّا بَشَرًا رَّسُولًا ﴿93﴾ وَمَا مَنَعَ ٱلنَّاسَ أَن يُؤْمِنُوٓا۟ إِذْ جَآءَهُمُ
ٱلْهُدَىٰٓ إِلَّآ أَن قَالُوٓا۟ أَبَعَثَ ٱللَّهُ بَشَرًا رَّسُولًا ﴿94﴾ قُل لَّوْ كَانَ
فِى ٱلْأَرْضِ مَلَٰٓئِكَةٌ يَمْشُونَ مُطْمَئِنِّينَ لَنَزَّلْنَا عَلَيْهِم
مِّنَ ٱلسَّمَآءِ مَلَكًا رَّسُولًا ﴿95﴾ قُلْ كَفَىٰ بِٱللَّهِ
شَهِيدًۢا بَيْنِى وَبَيْنَكُمْ ۚ إِنَّهُۥ كَانَ بِعِبَادِهِۦ خَبِيرًۢا بَصِيرًا ﴿96﴾

87. *(Il-Qoran)* ma huwiex ħlief ħniena minn Sidek. Tabilħaqq li t-tjieba tiegħu fuqek *(Muħammad)* hija kbira.

88. Għid: "Li kieku l-bnedmin u l-*ġinn* jiltaqgħu biex iġibu *(xi ħaġa)* bħal dan il-Qoran, *(żgur li)* ma jġibuhx, lanqas jekk jgħinu lil xulxin *(kemm jifilħu)*!"

89. F'dan il-Qoran fissirna biċ-ċar lin-nies kull għamla ta' tixbiha, iżda ħafna min-nies ma jridux ħlief jiċħdu t-twemmin.

90. Qalu *(il-pagani)*: "M'aħniex se nemmnuk *(Muħammad)*, qabel ma toħroġilna nixxiegħa tgelgel mill-art *(bla waqfien)*,

91 jew *(qabel ma)* ikollok ġnien b'siġar tal-palm u għeneb, u toħroġ ix-xmajjar igelglu f'nofshom,

92. jew *(qabel ma)* twaqqa' fuqna s-sema biċċiet, bħalma qiegħed tgħid, jew iġġib quddiemna lil Alla u lill-anġli *(biex jixhdu għalik quddiem għajnejna)*,

93. jew *(qabel ma)* ikollok dar tad-deheb *(u mhux bħall-bqija tad-djar mibnija mill-ġebel u mit-tajn)*, jew *(qabel ma)* titla' fis-sema. U lanqas nemmnu fit-tlugħ tiegħek qabel ma tniżżel fuqna ktieb li naqrawh!" Għid*(ilhom Muħammad)*: "Sebħ lil Sidi! Jaqaw jiena m'iniex ħlief bniedem mibgħut *(inxandar il-bxara ta' Alla? Għaliex din ir-ras iebsa tagħkom)*?"

94. Xejn ma żamm lin-nies milli jemmnu meta ġiethom it-tmexxija t-tajba ħlief li qalu: "Jaqaw Alla bagħat bniedem *(tad-demm u l-laħam biex jagħmilha ta')* Mibgħut?"

95. Għid*(ilhom lill-pagani)*: "Li kieku l-anġli kienu jimxu fl-art, fis-sliem, konna nniżżlulhom anġlu mis-sema bħala Mibgħut *(tagħna)*."

96. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Alla huwa biżżejjed bħala xhud bejni u bejnkom. Huwa tabilħaqq jaf sew u jara tajjeb lill-qaddejja tiegħu *(u xejn ma jaqbiżlu!)*"

وَمَن يَهْدِ ٱللَّهُ فَهُوَ ٱلْمُهْتَدِ ۖ وَمَن يُضْلِلْ فَلَن تَجِدَ لَهُمْ أَوْلِيَآءَ
مِن دُونِهِۦ ۖ وَنَحْشُرُهُمْ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ عَلَىٰ وُجُوهِهِمْ عُمْيًا وَبُكْمًا
وَصُمًّا ۖ مَّأْوَىٰهُمْ جَهَنَّمُ ۖ كُلَّمَا خَبَتْ زِدْنَٰهُمْ سَعِيرًا ﴿97﴾
ذَٰلِكَ جَزَآؤُهُم بِأَنَّهُمْ كَفَرُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَا وَقَالُوٓا۟ أَءِذَا كُنَّا عِظَٰمًا
وَرُفَٰتًا أَءِنَّا لَمَبْعُوثُونَ خَلْقًا جَدِيدًا ﴿98﴾ ۞ أَوَلَمْ يَرَوْا۟ أَنَّ ٱللَّهَ
ٱلَّذِى خَلَقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ قَادِرٌ عَلَىٰٓ أَن يَخْلُقَ مِثْلَهُمْ
وَجَعَلَ لَهُمْ أَجَلًا لَّا رَيْبَ فِيهِ فَأَبَى ٱلظَّٰلِمُونَ إِلَّا كُفُورًا ﴿99﴾
قُل لَّوْ أَنتُمْ تَمْلِكُونَ خَزَآئِنَ رَحْمَةِ رَبِّىٓ إِذًا لَّأَمْسَكْتُمْ خَشْيَةَ
ٱلْإِنفَاقِ ۚ وَكَانَ ٱلْإِنسَٰنُ قَتُورًا ﴿100﴾ وَلَقَدْ ءَاتَيْنَا مُوسَىٰ تِسْعَ
ءَايَٰتٍۭ بَيِّنَٰتٍ ۖ فَسْـَٔلْ بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ إِذْ جَآءَهُمْ فَقَالَ لَهُۥ فِرْعَوْنُ
إِنِّى لَأَظُنُّكَ يَٰمُوسَىٰ مَسْحُورًا ﴿101﴾ قَالَ لَقَدْ عَلِمْتَ مَآ أَنزَلَ
هَٰٓؤُلَآءِ إِلَّا رَبُّ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ بَصَآئِرَ وَإِنِّى لَأَظُنُّكَ
يَٰفِرْعَوْنُ مَثْبُورًا ﴿102﴾ فَأَرَادَ أَن يَسْتَفِزَّهُم مِّنَ ٱلْأَرْضِ
فَأَغْرَقْنَٰهُ وَمَن مَّعَهُۥ جَمِيعًا ﴿103﴾ وَقُلْنَا مِنۢ بَعْدِهِۦ لِبَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ
ٱسْكُنُوا۟ ٱلْأَرْضَ فَإِذَا جَآءَ وَعْدُ ٱلْءَاخِرَةِ جِئْنَا بِكُمْ لَفِيفًا ﴿104﴾

الحزب 30

97. Dak li Alla jurih it-triq it-tajba, jinsab miexi fiha *(tassew)*, iżda lil dawk li jtellifhom it-triq, ma ssibilhomx min iħarishom ħliefu. U f'Jum il-Qawmien niġbruhom *(u l-anġli jkaxkruhom minn saqajhom, mixħutin)* fuq l-uċuħ tagħhom, għomja, imbikkmin u torox, u l-kenn tagħhom l-Infern: kull darba li jonqos *(xi ftit mill-qilla tiegħu, arana)* nżidulhom in-nar iheġġeġ.

98. Dak huwa ħlashom talli ċaħdu s-sinjali tagħna u qalu: "Jaqaw, meta nkunu għadam u trab se nitqajmu mill-mewt bħala ħolqien ġdid?"

99. Mela ma jarawx li Alla, li ħalaq is-smewwiet u l-art, għandu s-setgħa joħloq *(ħlejjaq)* bħalhom, u *(nsew li Huwa)* għamlilhom żmien *(fiss)* li dwaru ma hemmx dubju? Iżda l-ħżiena ma jridux ħlief jiċħdu t-twemmin.

100. Għid*(ilhom Muħammad lill-pagani)*: "Li kieku kellkom il-ħażniet tal-ħniena *(u l-ġid)* ta' Sidi *(il-Mulej)*, kontu żżommu*(hom għalikom)* għaliex tibżgħu tonfqu*(hom)*. Il-bniedem huwa tassew xħiħ!"

101. Aħna tajna lil Mosè disa' sinjali ċari. Għalhekk staqsi *(Muħammad)* lil Ulied Israel meta *(Mosè)* ġie għandhom, u l-Fargħun qallu: "Mosè, jiena tabilħaqq inqisek imsaħħar!"

102. Qal *(Mosè lil Fargħun)*: "Inti taf li dawn *(id-disa' sinjali)* ma niżżilhomx għajr Sid is-smewwiet u l-art, biex bihom jinfetħu l-għajnejn. U jiena, ja Fargħun, tabilħaqq inqisek meqrud *(għal dejjem)*!"

103. Għalhekk *(il-Fargħun)* ried ikeċċihom mill-art *(ta' l-Eġittu)*, iżda Aħna għerriqnieh, u lil ta' miegħu, ilkoll.

104. Imbagħad għedna lil Ulied Israel: "Għammru fl-art *(imqaddsa)*! U meta tasal il-wegħda tal-*(Ħajja)* l-Oħra, Aħna nġibukom bħala miġemgħa mħallta *(ta' nies li jemmnu u oħrajn li ma jemmnux)*."

وَبِالْحَقِّ أَنزَلْنَٰهُ وَبِالْحَقِّ نَزَلَ ۗ وَمَآ أَرْسَلْنَٰكَ إِلَّا مُبَشِّرًا وَنَذِيرًا ﴿105﴾
وَقُرْءَانًا فَرَقْنَٰهُ لِتَقْرَأَهُۥ عَلَى ٱلنَّاسِ عَلَىٰ مُكْثٍ وَنَزَّلْنَٰهُ تَنزِيلًا ﴿106﴾
قُلْ ءَامِنُوا۟ بِهِۦٓ أَوْ لَا تُؤْمِنُوٓا۟ ۚ إِنَّ ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْعِلْمَ مِن قَبْلِهِۦٓ ۚ إِذَا يُتْلَىٰ
عَلَيْهِمْ يَخِرُّونَ لِلْأَذْقَانِ سُجَّدًا ﴿107﴾ وَيَقُولُونَ سُبْحَٰنَ رَبِّنَآ إِن كَانَ
وَعْدُ رَبِّنَا لَمَفْعُولًا ﴿108﴾ وَيَخِرُّونَ لِلْأَذْقَانِ يَبْكُونَ وَيَزِيدُهُمْ
خُشُوعًا ﴿109﴾ قُلِ ٱدْعُوا۟ ٱللَّهَ أَوِ ٱدْعُوا۟ ٱلرَّحْمَٰنَ ۖ أَيًّا مَّا تَدْعُوا۟ فَلَهُ
ٱلْأَسْمَآءُ ٱلْحُسْنَىٰ ۚ وَلَا تَجْهَرْ بِصَلَاتِكَ وَلَا تُخَافِتْ بِهَا وَٱبْتَغِ
بَيْنَ ذَٰلِكَ سَبِيلًا ﴿110﴾ وَقُلِ ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ ٱلَّذِى لَمْ يَتَّخِذْ وَلَدًا وَلَمْ يَكُن
لَّهُۥ شَرِيكٌ فِى ٱلْمُلْكِ وَلَمْ يَكُن لَّهُۥ وَلِىٌّ مِّنَ ٱلذُّلِّ ۖ وَكَبِّرْهُ تَكْبِيرًا ﴿111﴾

سجدة

سُورَةُ الكَهْفِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ ٱلَّذِىٓ أَنزَلَ عَلَىٰ عَبْدِهِ ٱلْكِتَٰبَ وَلَمْ يَجْعَل لَّهُۥ عِوَجًا ۜ ﴿1﴾
قَيِّمًا لِّيُنذِرَ بَأْسًا شَدِيدًا مِّن لَّدُنْهُ وَيُبَشِّرَ ٱلْمُؤْمِنِينَ ٱلَّذِينَ
يَعْمَلُونَ ٱلصَّٰلِحَٰتِ أَنَّ لَهُمْ أَجْرًا حَسَنًا ﴿2﴾ مَّٰكِثِينَ
فِيهِ أَبَدًا ﴿3﴾ وَيُنذِرَ ٱلَّذِينَ قَالُوا۟ ٱتَّخَذَ ٱللَّهُ وَلَدًا ﴿4﴾

سكتة لطيفة على ألف عوجا

105. Bis-sewwa niżżilnieh *(il-Qoran)*, u bis-sewwa niżel. U ma bgħatniekx *(Muħammad)* għajr biex tagħti l-bxara *(lit-tajbin)* u twissi *(lill-midinbin)*.

106. *(Dan huwa)* Qoran li Aħna qassamnieh *(minn żmien għal ieħor)* biex taqrah lin-nies f'taqsimiet, u niżżilnieh ftit ftit.

107. Għid *(Muħammad)*: "Emmnu fih *(jekk tridu)*, jew temmnux!" Tassew li dawk *(il-ġusti fost il-Lhud u l-Insara)* li ngħataw l-għarfien qablu *(dan il-Qoran)*, meta jinqralhom *(arahom)* jinxteħtu wiċċhom fl-art *(bil-qima)*.

108. Huma jgħidu: "Sebħ lil Sidna! Tabilħaqq seħħet il-wegħda ta' Sidna!"

109. Huma jinxteħtu wiċċhom fl-art, jibku, u *(il-Qoran)* iżidhom fl-umiltà.

110. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Sejħu *(lill-Mulej)* 'Alla', jew sejħu*(lu)* 'Dak li Huwa Kollu Ħniena'! Sejħulu kif tridu għaliex tiegħu huma l-isbaħ ismijiet *(kollha)*." La tgħajjatx fit-talb tiegħek, u lanqas tgħidu minn taħt l-ilsien, iżda fittex għamla *(xierqa ta' talb)* bejn dawn *(it-tnejn)*.

111. U għid: "Tifħir lil Alla, li ma ħax għalih wild, li ma għandux xrik fis-setgħa *(divina tiegħu)*, u lanqas ma jeħtieġ lil min iħarsu mit-tkasbir!" U faħħar il-kobor *(ta' Sidek, Muħammad)* kemm tiflaħ!

18. *Sūratu l-Kahf*

(Suret l-Għar – Niżlet f'Mekka b'110 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Tifħir lil Alla li niżżel fuq il-qaddej tiegħu *(Muħammad)* il-Ktieb *(tal-Qoran)*, u ma għamel fih *(ebda)* tagħwiġ.

2. *(Huwa Qoran)* dritt, biex iwissi dwar kastig qalil *(ġej)* mingħandu, u biex jagħti l-bxara lil dawk li jemmnu, li jagħmlu l-għemejjel it-tajba, li għalihom hemm ħlas tajjeb.

3. Huma jibqgħu fih għal dejjem.

4. Kif ukoll iwissi lil dawk li qalu: "Alla ħa wild għalih."

مَّا لَهُم بِهِۦ مِنْ عِلْمٍ وَلَا لِـَٔابَآئِهِمْ ۚ كَبُرَتْ كَلِمَةً تَخْرُجُ مِنْ
أَفْوَٰهِهِمْ ۚ إِن يَقُولُونَ إِلَّا كَذِبًا ﴿5﴾ فَلَعَلَّكَ بَٰخِعٌ نَّفْسَكَ
عَلَىٰٓ ءَاثَٰرِهِمْ إِن لَّمْ يُؤْمِنُوا۟ بِهَٰذَا ٱلْحَدِيثِ أَسَفًا ﴿6﴾ إِنَّا
جَعَلْنَا مَا عَلَى ٱلْأَرْضِ زِينَةً لَّهَا لِنَبْلُوَهُمْ أَيُّهُمْ أَحْسَنُ عَمَلًا
﴿7﴾ وَإِنَّا لَجَٰعِلُونَ مَا عَلَيْهَا صَعِيدًا جُرُزًا ﴿8﴾ أَمْ حَسِبْتَ
أَنَّ أَصْحَٰبَ ٱلْكَهْفِ وَٱلرَّقِيمِ كَانُوا۟ مِنْ ءَايَٰتِنَا عَجَبًا ﴿9﴾
إِذْ أَوَى ٱلْفِتْيَةُ إِلَى ٱلْكَهْفِ فَقَالُوا۟ رَبَّنَآ ءَاتِنَا مِن لَّدُنكَ رَحْمَةً
وَهَيِّئْ لَنَا مِنْ أَمْرِنَا رَشَدًا ﴿10﴾ فَضَرَبْنَا عَلَىٰٓ ءَاذَانِهِمْ فِى
ٱلْكَهْفِ سِنِينَ عَدَدًا ﴿11﴾ ثُمَّ بَعَثْنَٰهُمْ لِنَعْلَمَ أَىُّ ٱلْحِزْبَيْنِ
أَحْصَىٰ لِمَا لَبِثُوٓا۟ أَمَدًا ﴿12﴾ نَّحْنُ نَقُصُّ عَلَيْكَ نَبَأَهُم بِٱلْحَقِّ ۚ
إِنَّهُمْ فِتْيَةٌ ءَامَنُوا۟ بِرَبِّهِمْ وَزِدْنَٰهُمْ هُدًى ﴿13﴾ وَرَبَطْنَا
عَلَىٰ قُلُوبِهِمْ إِذْ قَامُوا۟ فَقَالُوا۟ رَبُّنَا رَبُّ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ
لَن نَّدْعُوَا۟ مِن دُونِهِۦٓ إِلَٰهًا ۖ لَّقَدْ قُلْنَآ إِذًا شَطَطًا ﴿14﴾ هَٰٓؤُلَآءِ
قَوْمُنَا ٱتَّخَذُوا۟ مِن دُونِهِۦٓ ءَالِهَةً ۖ لَّوْلَا يَأْتُونَ عَلَيْهِم
بِسُلْطَٰنٍۭ بَيِّنٍ ۖ فَمَنْ أَظْلَمُ مِمَّنِ ٱفْتَرَىٰ عَلَى ٱللَّهِ كَذِبًا ﴿15﴾

5. Huma ma għandhomx għarfien dwar dan, u lanqas missirijiethom *(ma kellhom)*. Hija kbira *(u tal-biża')* il-kelma li toħroġ minn fommhom *(dwar il-wild ta' Alla)*. Huma ma jgħidux għajr gideb.
6. Għandek imnejn *(Muħammad li)* tifni lilek innifsek bil-ġiri warajhom *(biex tifthilhom għajnejhom, u fl-inkwiet tiegħek għalihom)*, għaliex titnikket jekk ma jemmnux f'dan il-Kliem *(iżda huma ma jistħoqqilhomx li toqgħod titnikket għalihom)*.
7. Aħna għamilna dak li hemm fuq l-art bħala żîna għaliha, biex inġarrbuhom *(u fit-tiġrib inkunu nafu)* min fosthom huma l-aħjar fl-għemil.
8. Aħna tabilħaqq għad nagħmlu dak *(il-ġmiel u l-ġid)* li hemm fuqha trab u xagħri *(fejn xejn ma jinbet)*.
9. Jaqaw, *(Muħammad)* inti tqis li nies l-għar u *(nies)* il-kitba minquxa kienu ta' l-għaġeb *(u l-akbar sinjal)* fost is-sinjali tagħna?
10. *(Ftakar, Muħammad)* meta ż-żgħażagħ stkennew fl-għar u qalu: "Sidna *(il-Mulej)*, agħtina ħniena mingħandek, u ħejjilna triq tajba f'*(din)* il-qagħda *(mwiegħra)* tagħna."
11. U għalaqna widnejhom *(b'velu u raqdu)* fl-għar għal għadd ta' snin.
12. Imbagħad qajjimniehom *(mir-raqda twila tagħhom)* biex inkunu nafu min, miż-żewġ ġemgħat *(in-nies ta' l-għar u n-nies tal-belt)* huwa l-aħjar fil-kejl ta' kemm damu *(reqdin)*.
13. Aħna ngħidulek *(Muħammad)* il-ġrajja tagħhom bis-sewwa *(kollu)*. Huma żgħażagħ li emmnu f'Sidhom, u żidniehom fit-tmexxija t-tajba.
14. Aħna rbatnielhom qlubhom *(bis-saħħa u qawwejniehom fit-twemmin, u)* meta qamu, qalu: "Sidna huwa Sid is-smewwiet u l-art! Ma nsejħu 'Alla' lil ħadd għajru *(għaliex li kieku nistqarru hekk)* nkunu għedna gidba kbira.
15. Dawn niesna ħadu allat *(oħra)* għalihom minfloku, *(iżda nixtiequ nkunu nafu)* għaliex ma jġibux prova ċara *(li tagħtihom il-jedd jemmnu)* fihom. Min hu agħar minn dak li jaqla' l-ġideb dwar Alla *(u jgħid li għandu wild, u jxierek miegħu allat oħra)*?

وَإِذِ ٱعْتَزَلْتُمُوهُمْ وَمَا يَعْبُدُونَ إِلَّا ٱللَّهَ فَأْوُۥٓا۟ إِلَى ٱلْكَهْفِ
يَنشُرْ لَكُمْ رَبُّكُم مِّن رَّحْمَتِهِۦ وَيُهَيِّئْ لَكُم مِّنْ أَمْرِكُم مِّرْفَقًا
(16) ۞ وَتَرَى ٱلشَّمْسَ إِذَا طَلَعَت تَّزَٰوَرُ عَن كَهْفِهِمْ ذَاتَ
ٱلْيَمِينِ وَإِذَا غَرَبَت تَّقْرِضُهُمْ ذَاتَ ٱلشِّمَالِ وَهُمْ فِى فَجْوَةٍ
مِّنْهُ ۚ ذَٰلِكَ مِنْ ءَايَٰتِ ٱللَّهِ ۗ مَن يَهْدِ ٱللَّهُ فَهُوَ ٱلْمُهْتَدِ ۖ وَمَن
يُضْلِلْ فَلَن تَجِدَ لَهُۥ وَلِيًّا مُّرْشِدًا (17) وَتَحْسَبُهُمْ أَيْقَاظًا
وَهُمْ رُقُودٌ ۚ وَنُقَلِّبُهُمْ ذَاتَ ٱلْيَمِينِ وَذَاتَ ٱلشِّمَالِ ۖ وَكَلْبُهُم
بَٰسِطٌ ذِرَاعَيْهِ بِٱلْوَصِيدِ ۚ لَوِ ٱطَّلَعْتَ عَلَيْهِمْ لَوَلَّيْتَ مِنْهُمْ
فِرَارًا وَلَمُلِئْتَ مِنْهُمْ رُعْبًا (18) وَكَذَٰلِكَ بَعَثْنَٰهُمْ
لِيَتَسَآءَلُوا۟ بَيْنَهُمْ ۚ قَالَ قَآئِلٌ مِّنْهُمْ كَمْ لَبِثْتُمْ ۖ قَالُوا۟ لَبِثْنَا
يَوْمًا أَوْ بَعْضَ يَوْمٍ ۚ قَالُوا۟ رَبُّكُمْ أَعْلَمُ بِمَا لَبِثْتُمْ فَٱبْعَثُوٓا۟
أَحَدَكُم بِوَرِقِكُمْ هَٰذِهِۦٓ إِلَى ٱلْمَدِينَةِ فَلْيَنظُرْ أَيُّهَآ أَزْكَىٰ
طَعَامًا فَلْيَأْتِكُم بِرِزْقٍ مِّنْهُ وَلْيَتَلَطَّفْ وَلَا يُشْعِرَنَّ
بِكُمْ أَحَدًا (19) إِنَّهُمْ إِن يَظْهَرُوا۟ عَلَيْكُمْ يَرْجُمُوكُمْ
أَوْ يُعِيدُوكُمْ فِى مِلَّتِهِمْ وَلَن تُفْلِحُوٓا۟ إِذًا أَبَدًا (20)

ربع الحزب 30

16. Meta twarrbu minnhom u minn dak li jqimu minflok Alla, stkennu fl-għar. Sidkom jifrex fuqkom mill-ħniena tiegħu, u jħejjilkom ġid u faraġ fil-qagħda *(mwiegħra)* tagħkom."

17. Kont tara x-xemx, meta titla', tmil minn fuq l-għar tagħhom lejn il-lemin, u meta tinżel, *(kont taraha)* titbiegħed fuq ix-xellug tagħhom, filwaqt li huma kienu f'fetha wiesgħa minnu *(dak l-għar)*. Dak *(kien wieħed)* mis-sinjali ta' Alla. Dak li Alla jurih it-triq it-tajba, jinsab miexi fiha *(tassew)*, iżda lil dak li jtelliflu t-triq, ma ssiblux min iħarsu u jmexxih fit-triq it-tajba.

18. Kont taħsibhom imqajmin *(għaliex kellhom għajnejhom miftuħin)*, filwaqt li *(tabilħaqq)* kienu reqdin. U qlibniehom fuq il-lemin u fuq ix-xellug *(biex ebda naħa ta' ġisimhom ma tinstelaħ ma' l-art)*, waqt li l-kelb tagħhom kien b'dirgħajh mifruxin fuq l-għatba *(ta' l-għar biex iħarishom)*. Li kieku ħarist lejhom *(f'dik il-qagħda li kienu)*, kont titbiegħed minnhom, maħrub, u kont timtela bil-biża' minħabba fihom.

19. *(U bħalma konna Aħna li raqqadniehom) hekk (ukoll konna Aħna li)* qajjimniehom *(mir-raqda tagħhom)* biex jistaqsu lil xulxin *(x'kien għadda minnhom, u kemm damu hemm ġew)*. Wieħed minnhom qal: "Kemm domtu *(fl-għar)*?" Qalu: "Domna jum, jew ftit minnu." *(Oħrajn)* qalu: "Sidkom jaf l-aktar kemm domtu *(fl-Għar)*. Ibagħtu lil xi ħadd minnkom il-belt b'din il-biċċa tal-fidda u jara liema l-aħjar ikel *(jista' jixtri biha)*, u ħalluh iġibilkom minnu biex tikluh. Dan għandu jġib ruħu bil-ħlewwa *(ma' nies il-belt)*, u ma jgħarraf lil ħadd bikom.

20. Li kieku kellhom jaqbdukom, żgur iħaġġrukom jew jeħdukom lura għat-twemmin *(pagan)* tagħhom, u *(jekk iseħħ dan)* qatt m'intom se tirbħu."

وَكَذَٰلِكَ أَعْثَرْنَا عَلَيْهِمْ لِيَعْلَمُوٓا۟ أَنَّ وَعْدَ ٱللَّهِ حَقٌّ وَأَنَّ
ٱلسَّاعَةَ لَا رَيْبَ فِيهَآ إِذْ يَتَنَٰزَعُونَ بَيْنَهُمْ أَمْرَهُمْ ۖ فَقَالُوا۟
ٱبْنُوا۟ عَلَيْهِم بُنْيَٰنًا ۖ رَّبُّهُمْ أَعْلَمُ بِهِمْ ۚ قَالَ ٱلَّذِينَ غَلَبُوا۟ عَلَىٰٓ
أَمْرِهِمْ لَنَتَّخِذَنَّ عَلَيْهِم مَّسْجِدًا ﴿21﴾ سَيَقُولُونَ ثَلَٰثَةٌ
رَّابِعُهُمْ كَلْبُهُمْ وَيَقُولُونَ خَمْسَةٌ سَادِسُهُمْ كَلْبُهُمْ رَجْمًۢا
بِٱلْغَيْبِ ۖ وَيَقُولُونَ سَبْعَةٌ وَثَامِنُهُمْ كَلْبُهُمْ ۚ قُل رَّبِّىٓ أَعْلَمُ
بِعِدَّتِهِم مَّا يَعْلَمُهُمْ إِلَّا قَلِيلٌ ۬ فَلَا تُمَارِ فِيهِمْ إِلَّا مِرَآءً ظَٰهِرًا
وَلَا تَسْتَفْتِ فِيهِم مِّنْهُمْ أَحَدًا ﴿22﴾ وَلَا تَقُولَنَّ لِشَاْىْءٍ
إِنِّى فَاعِلٌ ذَٰلِكَ غَدًا ﴿23﴾ إِلَّآ أَن يَشَآءَ ٱللَّهُ ۚ وَٱذْكُر رَّبَّكَ
إِذَا نَسِيتَ وَقُلْ عَسَىٰٓ أَن يَهْدِيَنِ رَبِّى لِأَقْرَبَ مِنْ هَٰذَا رَشَدًا
﴿24﴾ وَلَبِثُوا۟ فِى كَهْفِهِمْ ثَلَٰثَ مِاْئَةٍ سِنِينَ وَٱزْدَادُوا۟ تِسْعًا
﴿25﴾ قُلِ ٱللَّهُ أَعْلَمُ بِمَا لَبِثُوا۟ ۖ لَهُۥ غَيْبُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ
أَبْصِرْ بِهِۦ وَأَسْمِعْ ۚ مَا لَهُم مِّن دُونِهِۦ مِن وَلِىٍّ وَلَا يُشْرِكُ
فِى حُكْمِهِۦٓ أَحَدًا ﴿26﴾ وَٱتْلُ مَآ أُوحِىَ إِلَيْكَ مِن كِتَابِ
رَبِّكَ ۖ لَا مُبَدِّلَ لِكَلِمَٰتِهِۦ وَلَن تَجِدَ مِن دُونِهِۦ مُلْتَحَدًا ﴿27﴾

21. Hekk kxifniehom *(liż-żgħażagħ ta' l-għar)* biex *(nies dik il-belt)* ikunu jafu li l-wegħda ta' Alla *(dwar il-qawmien mill-imwiet)* hija minnha, u li ma hemm ebda dubju dwar is-Siegħa *(tal-Ġudizzju)*. U meta *(nies il-belt)* ħaqquha bejniethom dwar il-ġrajja tagħhom *(taż-żgħażagħ fl-għar, uħud)* qalu: "Ibnu fuqhom bini! Sidhom jaf l-aktar dwarhom." Dawk li għaddiet tagħhom qalu: "Aħna tabilħaqq nibnu maqdes fuqhom!"

22. *(Uħud)* se jgħidu *(li nies l-għar)* kienu tlieta, u bil-kelb *(kienu)* erbgħa; *(oħrajn jippruvaw)* jaqtgħu dwar il-mistur u jgħidu *(li kienu)* ħamsa u bil-kelb, sitta. *(Iżda oħrajn)* jgħidu sebgħa u bil-kelb, tmienja. Għid *(Muħammad)*: "Sidi *(il-Mulej)* jaf l-aktar dwar l-għadd tagħhom. Ma jafuhomx għajr ftit *(nies)*. Mela toqgħodx tmieri dwarhom, ħlief dwar dak li jidher ċar *(dwar din il-ġrajja, u li huwa skond ir-Rivelazzjoni)*, u lanqas toqgħod tistaqsi lil ħadd minnhom *(minn Nies il-Ktieb)* dwarhom *(dawn iż-żgħażagħ ta' l-għar)*."

23. U la tgħid *(qatt)* dwar xi ħaġa: "Jiena nagħmel dik *(il-ħaġa)* għada",

24. ħlief *(biż-żjieda tal-kliem)* "Jekk Alla jrid!" U ftakar f'Sidek meta tinsa *(tgħid il-kliem: "Jekk Alla jrid")*, u għid: "Għandu mnejn Sidi jmexxini lejn dak li hu eqreb lejn is-sewwa."

25. Huma baqgħu fl-għar tagħhom tliet mitt sena *(magħduda mad-dawrien tax-xemx)*, u żdiedu disa' *(snin oħra magħduda mad-dawrien tal-qamar)*.

26. Għid *(Muħammad)*: "Alla jaf l-aktar dwar kemm damu *(fl-għar)*. Huma tiegħu l-ħwejjeġ mistura tas-smewwiet u l-art. Kemm jara tajjeb *(kulma jagħmlu l-bnedmin)*, u kemm jisma' sewwa! Ma għandhomx min iħarishom *(u jgħinhom)* ħliefu, u lanqas isieħeb lil ħadd fil-ħakma *(divina)* tiegħu."

27. Aqra *(u ħabbar)* dak li tnebbaħlek minn Ktieb Sidek! Ħadd ma jista' jbiddel Kliemu, u m'inti se ssib ebda kenn għajru.

وَٱصْبِرْ نَفْسَكَ مَعَ ٱلَّذِينَ يَدْعُونَ رَبَّهُم بِٱلْغَدَوٰةِ وَٱلْعَشِىِّ
يُرِيدُونَ وَجْهَهُۥ ۖ وَلَا تَعْدُ عَيْنَاكَ عَنْهُمْ تُرِيدُ زِينَةَ ٱلْحَيَوٰةِ
ٱلدُّنْيَا ۖ وَلَا تُطِعْ مَنْ أَغْفَلْنَا قَلْبَهُۥ عَن ذِكْرِنَا وَٱتَّبَعَ هَوَىٰهُ وَكَانَ
أَمْرُهُۥ فُرُطًا ﴿28﴾ وَقُلِ ٱلْحَقُّ مِن رَّبِّكُمْ ۖ فَمَن شَآءَ فَلْيُؤْمِن وَمَن
شَآءَ فَلْيَكْفُرْ ۚ إِنَّآ أَعْتَدْنَا لِلظَّٰلِمِينَ نَارًا أَحَاطَ بِهِمْ سُرَادِقُهَا ۚ
وَإِن يَسْتَغِيثُوا۟ يُغَاثُوا۟ بِمَآءٍ كَٱلْمُهْلِ يَشْوِى ٱلْوُجُوهَ ۚ بِئْسَ
ٱلشَّرَابُ وَسَآءَتْ مُرْتَفَقًا ﴿29﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟
ٱلصَّٰلِحَٰتِ إِنَّا لَا نُضِيعُ أَجْرَ مَنْ أَحْسَنَ عَمَلًا ﴿30﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ
لَهُمْ جَنَّٰتُ عَدْنٍ تَجْرِى مِن تَحْتِهِمُ ٱلْأَنْهَٰرُ يُحَلَّوْنَ فِيهَا مِنْ أَسَاوِرَ
مِن ذَهَبٍ وَيَلْبَسُونَ ثِيَابًا خُضْرًا مِّن سُندُسٍ وَإِسْتَبْرَقٍ مُّتَّكِـِٔينَ
فِيهَا عَلَى ٱلْأَرَآئِكِ ۚ نِعْمَ ٱلثَّوَابُ وَحَسُنَتْ مُرْتَفَقًا ﴿31﴾ ۞ وَٱضْرِبْ
لَهُم مَّثَلًا رَّجُلَيْنِ جَعَلْنَا لِأَحَدِهِمَا جَنَّتَيْنِ مِنْ أَعْنَٰبٍ وَحَفَفْنَٰهُمَا
بِنَخْلٍ وَجَعَلْنَا بَيْنَهُمَا زَرْعًا ﴿32﴾ كِلْتَا ٱلْجَنَّتَيْنِ ءَاتَتْ أُكُلَهَا وَلَمْ
تَظْلِم مِّنْهُ شَيْـًٔا ۚ وَفَجَّرْنَا خِلَٰلَهُمَا نَهَرًا ﴿33﴾ وَكَانَ لَهُۥ ثَمَرٌ ۚ فَقَالَ
لِصَٰحِبِهِۦ وَهُوَ يُحَاوِرُهُۥٓ أَنَا۠ أَكْثَرُ مِنكَ مَالًا وَأَعَزُّ نَفَرًا ﴿34﴾

نصف الحزب 30

28. Żomm lilek innifsek ma' dawk li jsejħu lil Sidhom filgħodu u filgħaxija, għaliex ifittxu lil Wiċċu *(fl-għemil tagħhom)*, u taqlax għajnejk minn fuqhom *(biex thares naħa oħra, lejn l-għonja pagani)* biex tfittex it-tlellix tal-ħajja *(f'din)* id-dinja. U lanqas toqgħod għal min nessejna lil qalbu t-tifkir tagħna, mexa wara xewqatu, u kien mitluf.

29. Għid *(Muħammad)*: "*(Dan huwa)* is-sewwa minn Sidkom." Għalhekk min irid, ħalli jemmen, u min irid, ħalli jiċħad it-twemmin! Aħna ħejjejna Nar għall-ħżiena, u s-sur tiegħu jdawwarhom. U jekk *(fl-għatx kbir tagħhom)* jitolbu l-għajnuna, jingħataw l-għajnuna: ilma bħal ram imdewweb li jixwi l-uċuħ. Ta' għajb ix-xarba, u mill-agħar il-friex *(imħejji għall-ħżiena)*!

30. Dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba *(għandhom ikunu jafu li)* Aħna ma ntellfux il-ħlas ta' min għamel it-tajjeb.

31. Dawk għandhom *(imħejjija għalihom)* il-Ġonna ta' l-Għeden bix-xmajjar jiġru taħthom, jiżżejnu fihom bi brazzuletti tad-deheb, u jilbsu lbies aħdar ta' l-ifjen ħarir u mbrukkat; fihom *(f'dawk il-Ġonna)* jimteddu fuq id-divani. Tassew sabiħ *(dan)* il-ħlas, u mill-aħjar il-friex *(imħejji għat-tajbin)*.

32. Ġibilhom *(Muħammad, lil dawk li qalulek tkeċċi lill-foqra)* it-tixbiha ta' żewġt irġiel: lil wieħed minnhom *(li kien bla twemmin)* għamilnielu żewġ ġonna dwieli, dawwarniehom bis-siġar tal-palm, u bejniethom għamilna xi raba'.

33. Kull wieħed miż-żewġ ġonna ta l-frott tiegħu, u xejn ma qagħad lura minn dan. F'nofshom ħriġna xmara tgelgel.

34. U *(sid iż-żewġ ġonna)* kellu frott *(kotran)*, u qal lil sieħbu *(li kien bniedem ta' twemmin)*, waqt li kien qiegħed jitħaddet miegħu *(biftaħir kbir)*: "Jiena għandi aktar ġid minnek, u aqwa minnek *(fl-għadd)* tan-nies *(qaddejja tiegħi)*."

وَدَخَلَ جَنَّتَهُۥ وَهُوَ ظَالِمٌ لِّنَفْسِهِۦ قَالَ مَآ أَظُنُّ أَن تَبِيدَ هَٰذِهِۦٓ
أَبَدًا ﴿35﴾ وَمَآ أَظُنُّ ٱلسَّاعَةَ قَآئِمَةً وَلَئِن رُّدِدتُّ إِلَىٰ رَبِّى
لَأَجِدَنَّ خَيْرًا مِّنْهَا مُنقَلَبًا ﴿36﴾ قَالَ لَهُۥ صَاحِبُهُۥ وَهُوَ يُحَاوِرُهُۥٓ
أَكَفَرْتَ بِٱلَّذِى خَلَقَكَ مِن تُرَابٍ ثُمَّ مِن نُّطْفَةٍ ثُمَّ سَوَّىٰكَ رَجُلًا
﴿37﴾ لَّٰكِنَّا۠ هُوَ ٱللَّهُ رَبِّى وَلَآ أُشْرِكُ بِرَبِّىٓ أَحَدًا ﴿38﴾ وَلَوْلَآ إِذْ
دَخَلْتَ جَنَّتَكَ قُلْتَ مَا شَآءَ ٱللَّهُ لَا قُوَّةَ إِلَّا بِٱللَّهِ ۚ إِن تَرَنِ أَنَا۠
أَقَلَّ مِنكَ مَالًا وَوَلَدًا ﴿39﴾ فَعَسَىٰ رَبِّىٓ أَن يُؤْتِيَنِ خَيْرًا مِّن
جَنَّتِكَ وَيُرْسِلَ عَلَيْهَا حُسْبَانًا مِّنَ ٱلسَّمَآءِ فَتُصْبِحَ صَعِيدًا
زَلَقًا ﴿40﴾ أَوْ يُصْبِحَ مَآؤُهَا غَوْرًا فَلَن تَسْتَطِيعَ لَهُۥ طَلَبًا ﴿41﴾
وَأُحِيطَ بِثَمَرِهِۦ فَأَصْبَحَ يُقَلِّبُ كَفَّيْهِ عَلَىٰ مَآ أَنفَقَ فِيهَا وَهِىَ خَاوِيَةٌ
عَلَىٰ عُرُوشِهَا وَيَقُولُ يَٰلَيْتَنِى لَمْ أُشْرِكْ بِرَبِّىٓ أَحَدًا ﴿42﴾ وَلَمْ تَكُن لَّهُۥ
فِئَةٌ يَنصُرُونَهُۥ مِن دُونِ ٱللَّهِ وَمَا كَانَ مُنتَصِرًا ﴿43﴾ هُنَالِكَ ٱلْوَلَٰيَةُ
لِلَّهِ ٱلْحَقِّ ۚ هُوَ خَيْرٌ ثَوَابًا وَخَيْرٌ عُقْبًا ﴿44﴾ وَٱضْرِبْ لَهُم مَّثَلَ ٱلْحَيَوٰةِ
ٱلدُّنْيَا كَمَآءٍ أَنزَلْنَٰهُ مِنَ ٱلسَّمَآءِ فَٱخْتَلَطَ بِهِۦ نَبَاتُ ٱلْأَرْضِ
فَأَصْبَحَ هَشِيمًا تَذْرُوهُ ٱلرِّيَٰحُ ۗ وَكَانَ ٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ مُّقْتَدِرًا ﴿45﴾

35. U *(is-sid l-imkabbar)* daħal fil-ġnien tiegħu *(ma' sieħbu biex jurih il-ġid li kellu)*, iżda *(bl-imġiba ħażina u fis-suppervja tiegħu)* kien naqas lejh innifsu u qal: "Ma naħsibx li dan *(il-ġnien)* qatt jista' jinqered.
36. U ma naħsibx li s-Siegħa *(tal-Ġudizzju)* ġejja. U jekk nintbagħat lura lejn Sidi *(il-Mulej)*, tassew li *(hemm)* minfloku *(dan il-ġnien)* insib xi ħaġa aħjar minnu."
37. Sieħbu qallu, waqt li kien qiegħed jitħaddet miegħu *(dwar dak li kien għadu kif sema')*: "Jaqaw tiċħad lil Dak li ħalqek minn trab, imbagħad minn nitfa *(ta' sperma)*, u mbagħad sawrek f'raġel?
38. Iżda jiena *(naf li)* Huwa Alla Sidi *(li ħalaqni)*, u ma nxierek ma' Sidi lil ħadd!
39. Għaliex, meta dħalt fil-ġnien tiegħek, ma għedtx: 'Dak li Alla ried *(li jinbet f'dan il-ġnien, nibet, kiber u ta l-frott)*; ma hemm *(ebda)* qawwa jekk mhux b'Alla'? Jekk tarani anqas minnek fil-ġid u fl-ulied,
40. għandu mnejn li Sidi jagħtini aħjar mill-ġnien tiegħek, u jibgħat fuqu sajjetta mis-sema u jsir trab jiżloq *(hekk li xejn ma jikber fih)*,
41. jew l-ilma tiegħu jgħib taħt l-art, u ma tkunx tista' ssibu."
42. *(U fis-siegħa u fil-waqt)* il-frott tiegħu nqered *(għal kollox)*. U *(sid il-ġnien)* beda jagħfas idejh *(b'turija ta' niket kbir)* minħabba dak li kien nefaq għalih, u li *(issa)* huwa ħerba *(tistrieħ)* fuq il-kannizzati tagħha, filwaqt li qal *(bi ndiema – iżda issa kien tard wisq)*: "Aħjar li ma xerikt lil ħadd ma' Sidi!"
43. *(Minkejja l-fatħir kollu tiegħu, fis-siegħa tal-kastig l-għani)* ma kellux xi ġemgħa li setgħet tgħinu, minflok Alla, u *(lanqas)* ma seta' jeħles lilu nnifsu.
44. Hemm *(f'tiġrib kbir bħal dak)* il-ħarsien *(jiġi)* minn Alla, is-Sewwa. Huwa l-Aħjar fil-premju, u l-Aħjar *(f'dak li hu)* l-isbaħ tmiem *(għal dawk li jintelqu f'idejh)*.
45. Ġibilhom it-tixbiha tal-ħajja *(f'din)* id-dinja: *(hija)* bħal ilma li nniżżluh mis-sema; miegħu titħallat il-ħdura ta' l-art, u ssir karfa niexfa li jtajjarha r-riħ. Alla għandu s-setgħa fuq kollox!

ٱلْمَالُ وَٱلْبَنُونَ زِينَةُ ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا ۖ وَٱلْبَٰقِيَٰتُ ٱلصَّٰلِحَٰتُ
خَيْرٌ عِندَ رَبِّكَ ثَوَابًا وَخَيْرٌ أَمَلًا ﴿46﴾ وَيَوْمَ نُسَيِّرُ ٱلْجِبَالَ وَتَرَى
ٱلْأَرْضَ بَارِزَةً وَحَشَرْنَٰهُمْ فَلَمْ نُغَادِرْ مِنْهُمْ أَحَدًا ﴿47﴾ وَعُرِضُوا۟
عَلَىٰ رَبِّكَ صَفًّا لَّقَدْ جِئْتُمُونَا كَمَا خَلَقْنَٰكُمْ أَوَّلَ مَرَّةٍۭ ۚ بَلْ زَعَمْتُمْ
أَلَّن نَّجْعَلَ لَكُم مَّوْعِدًا ﴿48﴾ وَوُضِعَ ٱلْكِتَٰبُ فَتَرَى ٱلْمُجْرِمِينَ
مُشْفِقِينَ مِمَّا فِيهِ وَيَقُولُونَ يَٰوَيْلَتَنَا مَالِ هَٰذَا ٱلْكِتَٰبِ
لَا يُغَادِرُ صَغِيرَةً وَلَا كَبِيرَةً إِلَّآ أَحْصَىٰهَا ۚ وَوَجَدُوا۟ مَا عَمِلُوا۟
حَاضِرًا ۗ وَلَا يَظْلِمُ رَبُّكَ أَحَدًا ﴿49﴾ وَإِذْ قُلْنَا لِلْمَلَٰٓئِكَةِ ٱسْجُدُوا۟
لِءَادَمَ فَسَجَدُوٓا۟ إِلَّآ إِبْلِيسَ ۖ كَانَ مِنَ ٱلْجِنِّ فَفَسَقَ عَنْ أَمْرِ رَبِّهِۦٓ ۗ
أَفَتَتَّخِذُونَهُۥ وَذُرِّيَّتَهُۥٓ أَوْلِيَآءَ مِن دُونِى وَهُمْ لَكُمْ عَدُوٌۢ ۚ
بِئْسَ لِلظَّٰلِمِينَ بَدَلًا ﴿50﴾ ۞ مَّآ أَشْهَدتُّهُمْ خَلْقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضِ وَلَا خَلْقَ أَنفُسِهِمْ وَمَا كُنتُ مُتَّخِذَ ٱلْمُضِلِّينَ عَضُدًا
﴿51﴾ وَيَوْمَ يَقُولُ نَادُوا۟ شُرَكَآءِىَ ٱلَّذِينَ زَعَمْتُمْ فَدَعَوْهُمْ
فَلَمْ يَسْتَجِيبُوا۟ لَهُمْ وَجَعَلْنَا بَيْنَهُم مَّوْبِقًا ﴿52﴾ وَرَءَا ٱلْمُجْرِمُونَ
ٱلنَّارَ فَظَنُّوٓا۟ أَنَّهُم مُّوَاقِعُوهَا وَلَمْ يَجِدُوا۟ عَنْهَا مَصْرِفًا ﴿53﴾

ثلاثة أرباع الحزب 30

46. Il-ġid u l-ulied *(ma humiex għajr)* iż-żina tal-ħajja *(f'din)* id-dinja, u *(għan-nies ta' twemmin)* il-ħwejjeġ li jibqgħu, it-tajbin, huma l-aħjar premju minn Sidek, u l-aħjar tama.

47. Fil-Jum li nħarrku *(u mmexxu)* l-iġbla *(bħallikieku kienu sħab)*, u tara l-art mikxufa *(mingħajr iġbla, siġar, jew bini li jostruha)*, u niġbruhom *(lill-bnedmin)* u ma nħallu barra lil ħadd minnhom,

48. u *(jingħiebu u)* jintwerew quddiem Sidek, saff saff, *(u se jgħidilhom kollu għadab)*: "Ġejtuna *(għerja)* kif ħlaqniekom l-ewwel darba. Mhux biss, talli *(fil-bluha tagħkom)* ħsibtu li ma nagħmlulkomx żmien imwiegħed *(meta għad niltaqgħu)*!"

49. U l-ktieb *(li fih tniżżlu l-għemejjel kollha, ta' kulħadd)* jitqiegħed *(quddiemhom)*, u se tara lill-ħatjin imwerwrin minn dak li *(nkiteb)* fih u jgħidu: "Imsieken aħna! Xi ktieb huwa dan, li ma jħalli barra ebda ħaġa żgħira jew kbira, iżda jniżżilha!" Huma jsibu quddiemhom dak li għamlu. U Sidek ma jonqos lejn ħadd.

50. U *(fiakar)* meta għedna lill-anġli: "Inxteħtu fl-art *(u sellmu)* lil Adam!" U huma nxteħtu, għajr Iblīs. Huwa kien wieħed mill-*ġinn* u kiser l-amar ta' Sidu *(il-Mulej)*. Jaqaw thallu lilu u lil nislu jħarsukom minfloki, meta huma għadu tagħkom! Hija ta' għajb għall-ħżiena *(din)* il-bidla *(minn qima lil Alla għal qima lix-Xitan)*!

51. *(Lix-xjaten li intom tqimu)* Jiena ma ġegħelthomx jixhdu għall-ħolqien tas-smewwiet u l-art, lanqas għall-ħolqien tagħhom infushom *(ma ġegħelthom jixhdu)*, u ma għażiltx biex jgħinuni lil dawk *(ix-xjaten)* li jtellfu t-triq *(lil ħaddieħor)*.

52. Fil-Jum meta *(Alla)* jgħid *(lil dawk li jxierku)*: "Sejħu lil dawk li għedtu li huma ixirka tiegħi *(biex jeħilsukom mill-kastig li ġej fuqkom)*," huma jsejħulhom, iżda ma jweġbuhomx, u nagħmlu bejniethom *(l-allat meqjuma u lil dawk li jxierku)* imkien ta' telfien *(fin-Nar)*.

53. Il-ħatjin jaraw in-Nar u jintebħu li se jaqgħu fih. Huma ma jsibux kif iwarrbu minnu.

وَلَقَدْ صَرَّفْنَا فِي هَٰذَا الْقُرْآنِ لِلنَّاسِ مِن كُلِّ مَثَلٍ ۚ وَكَانَ
الْإِنسَانُ أَكْثَرَ شَيْءٍ جَدَلًا ﴿54﴾ وَمَا مَنَعَ النَّاسَ أَن يُؤْمِنُوا
إِذْ جَاءَهُمُ الْهُدَىٰ وَيَسْتَغْفِرُوا رَبَّهُمْ إِلَّا أَن تَأْتِيَهُمْ سُنَّةُ
الْأَوَّلِينَ أَوْ يَأْتِيَهُمُ الْعَذَابُ قُبُلًا ﴿55﴾ وَمَا نُرْسِلُ الْمُرْسَلِينَ
إِلَّا مُبَشِّرِينَ وَمُنذِرِينَ ۚ وَيُجَادِلُ الَّذِينَ كَفَرُوا بِالْبَاطِلِ
لِيُدْحِضُوا بِهِ الْحَقَّ ۖ وَاتَّخَذُوا آيَاتِي وَمَا أُنذِرُوا هُزُوًا ﴿56﴾ وَمَنْ
أَظْلَمُ مِمَّن ذُكِّرَ بِآيَاتِ رَبِّهِ فَأَعْرَضَ عَنْهَا وَنَسِيَ مَا قَدَّمَتْ يَدَاهُ ۚ
إِنَّا جَعَلْنَا عَلَىٰ قُلُوبِهِمْ أَكِنَّةً أَن يَفْقَهُوهُ وَفِي آذَانِهِمْ وَقْرًا ۖ
وَإِن تَدْعُهُمْ إِلَى الْهُدَىٰ فَلَن يَهْتَدُوا إِذًا أَبَدًا ﴿57﴾ وَرَبُّكَ
الْغَفُورُ ذُو الرَّحْمَةِ ۖ لَوْ يُؤَاخِذُهُم بِمَا كَسَبُوا لَعَجَّلَ لَهُمُ
الْعَذَابَ ۚ بَل لَّهُم مَّوْعِدٌ لَّن يَجِدُوا مِن دُونِهِ مَوْئِلًا ﴿58﴾
وَتِلْكَ الْقُرَىٰ أَهْلَكْنَاهُمْ لَمَّا ظَلَمُوا وَجَعَلْنَا لِمَهْلِكِهِم
مَّوْعِدًا ﴿59﴾ وَإِذْ قَالَ مُوسَىٰ لِفَتَاهُ لَا أَبْرَحُ حَتَّىٰ
أَبْلُغَ مَجْمَعَ الْبَحْرَيْنِ أَوْ أَمْضِيَ حُقُبًا ﴿60﴾ فَلَمَّا بَلَغَا
مَجْمَعَ بَيْنِهِمَا نَسِيَا حُوتَهُمَا فَاتَّخَذَ سَبِيلَهُ فِي الْبَحْرِ سَرَبًا ﴿61﴾

54. Aħna tabilħaqq fissirna biċ-ċar lin-nies, f'dan il-Qoran, kull tixbiha. Iżda l-bniedem fuq kollox *(iħobb)* iħaqqaqha.

55. U xi jżomm lin-nies milli jemmnu, meta *(issa)* ġiethom it-tmexxija t-tajba, u *(xi jżommhom milli)* jitolbu maħfra minn Sidhom, *(u x'jistennew)* ħlief li tiġihom id-drawwa ta' nies l-imgħoddi *(il-qerda)*, jew jiġihom il-kastig ma' wiċċhom?

56. Aħna ma nibagħtux il-Mibgħutin *(tagħna)* jekk mhux biex iħabbru l-bxara t-tajba u biex iwissu. Dawk li ċaħdu t-twemmin iħaqquha bi kliem qarrieq biex bih jeqirdu s-sewwa, u jkasbru s-sinjali tiegħi u dak *(il-Qoran)* li twissew bih.

57. Min huwa agħar minn dak li huwa mfakkar fis-sinjali ta' Sidu, iżda *(minkejja dan)* jagħtihom dahru u jinsa dak *(il-ħażen)* li għamlu idejh? Aħna tabilħaqq għamilna velijiet fuq qlubhom, hekk li ma jifhmuhx *(il-Qoran)*, u f'widnejhom *(qegħednielhom)* toqol *(biex ma jisimgħux)*, u jekk issejħilhom *(Muħammad)* lejn it-tmexxija t-tajba, ma huma qatt se jimxu fit-triq it-tajba.

58. Iżda Sidek Kollu Maħfra u ta' ħniena. Li kieku kellu jikkastigahom ta' *(l-għemejjel ħżiena)* li kisbu, żgur li kien jgħaġġlilhom il-kastig *(u jagħtihulhom f'din id-dinja stess)*. Mhux biss, talli għandhom żmien imwiegħed *(meta għad jidhru quddiemu)* li, meta jasal, ma jsibux kenn minnu *(mill-Ġudizzju)*.

59. Dawk *(kienu)* il-bliet li qridna *(b'nieshom)* meta dinbu, u għamilna żmien imwiegħed għall-qerda tagħhom.

60. U *(ftakar, Muħammad)* meta Mosè qal lill-qaddej tiegħu *(Ġożwè bin Nūn)*: "Ma niqafx qabel ma nilħaq l-imkien fejn jiltaqgħu ż-żewġt ibħra, imqar jekk nibqa' għaddej għal snin sħaħ."

61. U meta *(Mosè u l-qaddej)* waslu fl-imkien fejn jiltaqgħu *(iż-żewġt ibħra)*, insew il-ħuta tagħhom, u *(din ma damitx ma reġgħet ħadet il-ħajja u)* sabet triqitha lura fil-baħar.

فَلَمَّا جَاوَزَا قَالَ لِفَتَىٰهُ ءَاتِنَا غَدَآءَنَا لَقَدْ لَقِينَا مِن سَفَرِنَا
هَٰذَا نَصَبًا ﴿62﴾ قَالَ أَرَءَيْتَ إِذْ أَوَيْنَآ إِلَى ٱلصَّخْرَةِ فَإِنِّى نَسِيتُ
ٱلْحُوتَ وَمَآ أَنسَىٰنِيهُ إِلَّا ٱلشَّيْطَٰنُ أَنْ أَذْكُرَهُۥ ۚ وَٱتَّخَذَ سَبِيلَهُۥ
فِى ٱلْبَحْرِ عَجَبًا ﴿63﴾ قَالَ ذَٰلِكَ مَا كُنَّا نَبْغِ ۚ فَٱرْتَدَّا عَلَىٰٓ ءَاثَارِهِمَا
قَصَصًا ﴿64﴾ فَوَجَدَا عَبْدًا مِّنْ عِبَادِنَآ ءَاتَيْنَٰهُ رَحْمَةً مِّنْ
عِندِنَا وَعَلَّمْنَٰهُ مِن لَّدُنَّا عِلْمًا ﴿65﴾ قَالَ لَهُۥ مُوسَىٰ هَلْ أَتَّبِعُكَ
عَلَىٰٓ أَن تُعَلِّمَنِ مِمَّا عُلِّمْتَ رُشْدًا ﴿66﴾ قَالَ إِنَّكَ لَن تَسْتَطِيعَ
مَعِىَ صَبْرًا ﴿67﴾ وَكَيْفَ تَصْبِرُ عَلَىٰ مَا لَمْ تُحِطْ بِهِۦ خُبْرًا ﴿68﴾ قَالَ
سَتَجِدُنِىٓ إِن شَآءَ ٱللَّهُ صَابِرًا وَلَآ أَعْصِى لَكَ أَمْرًا ﴿69﴾ قَالَ
فَإِنِ ٱتَّبَعْتَنِى فَلَا تَسْـَٔلْنِى عَن شَىْءٍ حَتَّىٰٓ أُحْدِثَ لَكَ مِنْهُ ذِكْرًا
﴿70﴾ فَٱنطَلَقَا حَتَّىٰٓ إِذَا رَكِبَا فِى ٱلسَّفِينَةِ خَرَقَهَا ۖ قَالَ أَخَرَقْتَهَا
لِتُغْرِقَ أَهْلَهَا لَقَدْ جِئْتَ شَيْـًٔا إِمْرًا ﴿71﴾ قَالَ أَلَمْ أَقُلْ إِنَّكَ
لَن تَسْتَطِيعَ مَعِىَ صَبْرًا ﴿72﴾ قَالَ لَا تُؤَاخِذْنِى بِمَا نَسِيتُ وَلَا
تُرْهِقْنِى مِنْ أَمْرِى عُسْرًا ﴿73﴾ فَٱنطَلَقَا حَتَّىٰٓ إِذَا لَقِيَا غُلَٰمًا فَقَتَلَهُۥ
قَالَ أَقَتَلْتَ نَفْسًا زَكِيَّةًۢ بِغَيْرِ نَفْسٍ لَّقَدْ جِئْتَ شَيْـًٔا نُّكْرًا ﴿74﴾

62. U meta kienu mxew *(ftit mhux ħażin, Mosè)* qal lill-qaddej tiegħu: "Ġibilna l-ikel tagħna! Tassew għejejna f'dan is-safar tagħna."
63. Qal*(lu l-qaddej)*: "Rajt *(x'ġara)* meta stkennejna mal-blata? Jiena nsejt il-ħuta. Ħadd ħlief ix-Xitan ma nessieni ngħidlek biha *(u ngħarrfek li kienet ħarbet mill-ġewlaq). (Dik il-ħuta)* sabet triqitha fil-baħar b'mod ta' l-għaġeb."
64. Qal *(Mosè)*: "Dak huwa li konna qegħdin infittxu." U marru lura minn fejn ġew.
65. U *(ħdejn il-blata)* sabu *(lill-Ħidr)* qaddej mill-qaddejja tagħna li konna tajnieh ħniena mingħandna, u għallimnieh għarfien ġej minna.
66. Qallu Mosè: "Nista' nimxi warajk biex tgħallimni minn dak li inti kont mgħallem dwar it-triq it-tajba?"
67. Qal*(lu l-Ħidr)*: "Tabilħaqq li inti ma tkunx tista' toqgħod b'sabrek miegħi!
68. U kif toqgħod b'sabrek f'dak li ma għandekx għarfien dwaru?"
69. Qal *(Mosè)*: "Jekk Alla jrid, se ssibni bniedem ta' sabar, u f'xejn ma mmur kontrik."
70. Qal*(lu l-Ħidr)*: "Mela jekk ġej warajja, la tistaqsini xejn *(dwar dak li nagħmel)* sa ma ngħidlek jiena dwaru."
71. U telqu t-tnejn li huma. U *(ġara li)* meta rikbu fil-ġifen *(li nzerta kien għaddej fil-qrib, 'al-Ħidr)* taqqbu. Qal*(lu Mosè kollu għadab)*: "Taqqabtu *(il-ġifen)* biex tgħerreq lil niesu *(miegħu)*? Għamilt ħaġa tassew stramba!"
72. Qal*(lu l-Ħidr)*: "Ma għedtlekx li ma tkunx tista' toqgħod b'sabrek miegħi?"
73. Qal*(lu Mosè)*: "La tiħux għalija għaliex insejt *(u ksirt kelmti)*, u lanqas tkiddni *(f'din is-sħubija tiegħi miegħek)* u tagħmel il-qagħda tiegħi mwiegħra."
74. U *(reġgħu)* telqu t-tnejn li huma. U *(ġara li)* meta ltaqgħu ma' żagħżugħ, *(al-Ħidr)* qatlu. Qal*(lu Mosè)*: "Inti qtilt bniedem bla ħtija mingħajr ma *(dan l-imsejken)* kien qatel lil ħadd? Għamilt ħaġa tassew kerha!"

الجزء 16 الحزب 31

۞ قَالَ أَلَمْ أَقُل لَّكَ إِنَّكَ لَن تَسْتَطِيعَ مَعِيَ صَبْرًا ﴿75﴾ قَالَ إِن
سَأَلْتُكَ عَن شَيْءٍ بَعْدَهَا فَلَا تُصَٰحِبْنِي ۖ قَدْ بَلَغْتَ مِن لَّدُنِّي عُذْرًا
﴿76﴾ فَٱنطَلَقَا حَتَّىٰٓ إِذَآ أَتَيَآ أَهْلَ قَرْيَةٍ ٱسْتَطْعَمَآ أَهْلَهَا فَأَبَوْا
أَن يُضَيِّفُوهُمَا فَوَجَدَا فِيهَا جِدَارًا يُرِيدُ أَن يَنقَضَّ فَأَقَامَهُۥ ۖ
قَالَ لَوْ شِئْتَ لَتَّخَذْتَ عَلَيْهِ أَجْرًا ﴿77﴾ قَالَ هَٰذَا فِرَاقُ بَيْنِي
وَبَيْنِكَ ۚ سَأُنَبِّئُكَ بِتَأْوِيلِ مَا لَمْ تَسْتَطِع عَّلَيْهِ صَبْرًا ﴿78﴾ أَمَّا
ٱلسَّفِينَةُ فَكَانَتْ لِمَسَٰكِينَ يَعْمَلُونَ فِي ٱلْبَحْرِ فَأَرَدتُّ أَنْ أَعِيبَهَا
وَكَانَ وَرَآءَهُم مَّلِكٌ يَأْخُذُ كُلَّ سَفِينَةٍ غَصْبًا ﴿79﴾ وَأَمَّا ٱلْغُلَٰمُ
فَكَانَ أَبَوَاهُ مُؤْمِنَيْنِ فَخَشِينَآ أَن يُرْهِقَهُمَا طُغْيَٰنًا وَكُفْرًا
﴿80﴾ فَأَرَدْنَآ أَن يُبْدِلَهُمَا رَبُّهُمَا خَيْرًا مِّنْهُ زَكَوٰةً وَأَقْرَبَ رُحْمًا
﴿81﴾ وَأَمَّا ٱلْجِدَارُ فَكَانَ لِغُلَٰمَيْنِ يَتِيمَيْنِ فِي ٱلْمَدِينَةِ وَكَانَ
تَحْتَهُۥ كَنزٌ لَّهُمَا وَكَانَ أَبُوهُمَا صَٰلِحًا فَأَرَادَ رَبُّكَ أَن يَبْلُغَآ
أَشُدَّهُمَا وَيَسْتَخْرِجَا كَنزَهُمَا رَحْمَةً مِّن رَّبِّكَ ۚ وَمَا فَعَلْتُهُۥ ۖ
عَنْ أَمْرِي ۚ ذَٰلِكَ تَأْوِيلُ مَا لَمْ تَسْطِع عَّلَيْهِ صَبْرًا ﴿82﴾ وَيَسْـَٔلُونَكَ
عَن ذِي ٱلْقَرْنَيْنِ ۖ قُلْ سَأَتْلُوا۟ عَلَيْكُم مِّنْهُ ذِكْرًا ﴿83﴾

75. Qal*(lu l-ieħor)*: "Ma għedtlekx li ma tkunx tista' żżomm b'sabrek miegħi?"

76. Qal*(lu Mosè)*: "Jekk *(nerġa')* nistaqsik xi ħaġa *(oħra)* wara dan, tisseħibx miegħi, u jkollok mogħdrija mingħandi."

77. U telqu *(u baqgħu sejrin)* sa ma waslu għand xi nies f'belt u talbuhom l-ikel, iżda dawk *(in-nies)* ma ridux jilqgħuhom għandhom. Fiha *(din il-belt, 'al-Ḥidr u Mosè)* sabu ħajt li kien għoddu se jiġġarraf *(u l-Ḥidr)* waqqfu dritt. Qal*(lu Mosè, meta ra hekk)*: "Kieku ridt, kont titħallas tiegħu *(ta' xogħlok)*."

78. Qal*(lu l-Ḥidr, issa li Mosè kien kiser kelmtu għat-tielet darba)*: "Din hija l-firda bejni u bejnek. *(Iżda qabel ninfirdu)* se nħabbarlek it-tifsir ta' dak *(kollu)* li dwaru ma stajtx iżżomm b'sabrek.

79. Il-ġifen kien ta' xi fqar li kienu jaħdmu fuq il-baħar, u ridt nagħmillu l-ħsara għaliex *(ibaħħar)* warajhom kien hemm sultan *(kiefer)* li kien jaħtaf kull ġifen bil-qawwa.

80. Iż-żagħżugħ kellu ġenituri li jemmnu, u bżajna li jkiddhom bl-imġiba ħażina u n-nuqqas tat-twemmin tiegħu.

81. Għalhekk ridna li Sidhom *(il-Mulej jeqirdu lil dak iż-żgħażugħ u)* jibdilhulhom ma' *(iben ieħor)* aħjar minnu fl-imġiba safja, u eqreb *(lejhom)* fil-ħniena.

82. Il-ħajt kien ta' żewġ żgħażagħ iltiema fil-belt u taħtu kien hemm teżor *(midfun)*, li kien tagħhom. Missierhom kien ġust, u Sidek ried illi jsiru rġiel u joħorġu t-teżor tagħhom bi ħniena minn Sidek *(u b'ħajr talli missierhom kien bniedem ġust. Dak li jiena għamilt, u li inti ma stajtx tifhmu)* ma għamiltux minn jeddi. Din hija t-tifsira ta' dak *(kollu)* li dwaru ma stajtx iżżomm b'sabrek."

83. U *(il-Lhud)* jistaqsuk *(Muħammad)* dwar Dū l-Qarnajn *(jiġifieri "Dak tal-Qrun")*; għid*(ilhom)*: "Se ngħidilkom xi ħaġa dwaru."

إِنَّا مَكَّنَّا لَهُۥ فِى ٱلْأَرْضِ وَءَاتَيْنَٰهُ مِن كُلِّ شَىْءٍ سَبَبًا ﴿84﴾ فَأَتْبَعَ سَبَبًا
﴿85﴾ حَتَّىٰٓ إِذَا بَلَغَ مَغْرِبَ ٱلشَّمْسِ وَجَدَهَا تَغْرُبُ فِى عَيْنٍ حَمِئَةٍ
وَوَجَدَ عِندَهَا قَوْمًا ۗ قُلْنَا يَٰذَا ٱلْقَرْنَيْنِ إِمَّآ أَن تُعَذِّبَ وَإِمَّآ أَن تَتَّخِذَ
فِيهِمْ حُسْنًا ﴿86﴾ قَالَ أَمَّا مَن ظَلَمَ فَسَوْفَ نُعَذِّبُهُۥ ثُمَّ يُرَدُّ إِلَىٰ رَبِّهِۦ
فَيُعَذِّبُهُۥ عَذَابًا نُّكْرًا ﴿87﴾ وَأَمَّا مَنْ ءَامَنَ وَعَمِلَ صَٰلِحًا فَلَهُۥ جَزَآءً
ٱلْحُسْنَىٰ ۖ وَسَنَقُولُ لَهُۥ مِنْ أَمْرِنَا يُسْرًا ﴿88﴾ ثُمَّ أَتْبَعَ سَبَبًا ﴿89﴾ حَتَّىٰٓ
إِذَا بَلَغَ مَطْلِعَ ٱلشَّمْسِ وَجَدَهَا تَطْلُعُ عَلَىٰ قَوْمٍ لَّمْ نَجْعَل لَّهُم مِّن
دُونِهَا سِتْرًا ﴿90﴾ كَذَٰلِكَ وَقَدْ أَحَطْنَا بِمَا لَدَيْهِ خُبْرًا ﴿91﴾ ثُمَّ أَتْبَعَ
سَبَبًا ﴿92﴾ حَتَّىٰٓ إِذَا بَلَغَ بَيْنَ ٱلسَّدَّيْنِ وَجَدَ مِن دُونِهِمَا قَوْمًا
لَّا يَكَادُونَ يَفْقَهُونَ قَوْلًا ﴿93﴾ قَالُوا۟ يَٰذَا ٱلْقَرْنَيْنِ إِنَّ يَأْجُوجَ وَمَأْجُوجَ
مُفْسِدُونَ فِى ٱلْأَرْضِ فَهَلْ نَجْعَلُ لَكَ خَرْجًا عَلَىٰٓ أَن تَجْعَلَ بَيْنَنَا وَبَيْنَهُمْ
سَدًّا ﴿94﴾ قَالَ مَا مَكَّنِّى فِيهِ رَبِّى خَيْرٌ فَأَعِينُونِى بِقُوَّةٍ أَجْعَلْ بَيْنَكُمْ
وَبَيْنَهُمْ رَدْمًا ﴿95﴾ ءَاتُونِى زُبَرَ ٱلْحَدِيدِ ۖ حَتَّىٰٓ إِذَا سَاوَىٰ بَيْنَ ٱلصَّدَفَيْنِ
قَالَ ٱنفُخُوا۟ ۖ حَتَّىٰٓ إِذَا جَعَلَهُۥ نَارًا قَالَ ءَاتُونِىٓ أُفْرِغْ عَلَيْهِ قِطْرًا
﴿96﴾ فَمَا ٱسْطَٰعُوٓا۟ أَن يَظْهَرُوهُ وَمَا ٱسْتَطَٰعُوا۟ لَهُۥ نَقْبًا ﴿97﴾

84. Aħna tabilħaqq tajnieh il-qawwa *(u s-setgħa)* fuq l-art, u tajnieh kif jista' jasal għal kollox.

85. Huwa mexa fi triq *(minnhom, lejn il-Punent)*,

86. u hekk kif wasal *(fl-ibgħad imkien)* fejn tinżel ix-xemx, sabha nieżla *(bħallikieku)* f'għajn *(imdardra)* bil-ħama, u biswitha sab xi nies. Għedna: "Ja Dū l-Qarnajn, *(inti għandek is-setgħa)* jew li tikkastiga*(hom, jekk jagħmlu l-ħażen)*, jew tohodhom bil-ħlewwa."

87. Qal: "Min jagħmel il-ħażen, se nikkastigawh, imbagħad jintradd lura lejn Sidu u jikkastigah b'kastig liema bħalu.

88. Imma min jemmen u jagħmel il-ġid, għalih hemm l-aħjar ħlas *(fil-Ġenna)*, u l-amar tagħna lilu jkun ħafif *(għalih)*."

89. Imbagħad *(Dū l-Qarnajn)* mexa fi triq *(oħra, lejn il-Lvant)*,

90. u hekk kif wasal *(fl-ibgħad imkien)* fejn titla' x-xemx, sabha tielgħa fuq nies li ma konniex għamilnielhom kenn minnha *(u għalhekk kienu jgħixu għerja u taħt l-art)*.

91. Hekk *(ukoll għamel hawn, bħalma għamel fil-Punent: ikkastiga lill-ħżiena fosthom u ħalla t-tajbin)*, u Aħna konna nafu sewwa fiex kien.

92. Imbagħad mexa fi triq *(oħra, bejn il-Lvant u l-Punent)*,

93. u hekk kif wasal *(fi mkien)* bejn iż-żewġt iġbla, sab ġens *(jgħix)* warajhom li bilkemm kien jifhem kelma *(ta' lsien barrani ieħor)*.

94. Huma qalu*(lu)*: "Ja Dū l-Qarnajn, *(kun af li nies)* Ja'ġūġ u Ma'ġūġ jagħmlu ħsara fl-art, u għalhekk *(xi tgħid kieku kellna)* niġbrulek il-haraġ *(bħala ħlas għalik)* biex bejnna u bejnhom ittella' ħajt qawwi *(li jħarisna minnhom)*?"

95. Qal*(ilhom)*: "Is-setgħa li tani Sidi *(il-Mulej)* hija aħjar *(minn kull ħlas ieħor)*, u għalhekk għinuni bil-qawwa *(tagħkom)* u ntella' bejnkom u bejnhom sur *(biex tistkennu warajh)*.

96. Agħtuni bċejjeċ tal-ħadid!" *(U beda x-xogħol)* sa ma tella' *(il-bini)* fl-għoli taż-żewġt iġnub ta' l-iġbla *(u qabbad il-ħġejjeġ)* u qal *(lil dawk in-nies)*: "Onfħu *(fuq il-bċejjeċ tal-ħadid bl-imnieħ)*!" U meta għamilhom *(ħomor)* nar qal*(ilhom)*: "Ġibuli ram imdewweb biex inferrgħu fuqu!"

97. U *(nies Ja'ġūġ u Ma'ġūġ)* ma setgħux jitilgħu fuqu *(dak is-sur)* u ma setgħux jinfduh *(daqs kemm kien mibni sewwa)*.

قَالَ هَٰذَا رَحْمَةٌ مِّن رَّبِّي ۖ فَإِذَا جَاءَ وَعْدُ رَبِّي جَعَلَهُ دَكَّاءَ ۖ وَكَانَ وَعْدُ رَبِّي
حَقًّا ﴿98﴾ ۞ وَتَرَكْنَا بَعْضَهُمْ يَوْمَئِذٍ يَمُوجُ فِي بَعْضٍ ۖ وَنُفِخَ فِي الصُّورِ
فَجَمَعْنَاهُمْ جَمْعًا ﴿99﴾ وَعَرَضْنَا جَهَنَّمَ يَوْمَئِذٍ لِّلْكَافِرِينَ عَرْضًا ﴿100﴾
الَّذِينَ كَانَتْ أَعْيُنُهُمْ فِي غِطَاءٍ عَن ذِكْرِي وَكَانُوا لَا يَسْتَطِيعُونَ
سَمْعًا ﴿101﴾ أَفَحَسِبَ الَّذِينَ كَفَرُوا أَن يَتَّخِذُوا عِبَادِي مِن دُونِي
أَوْلِيَاءَ ۚ إِنَّا أَعْتَدْنَا جَهَنَّمَ لِلْكَافِرِينَ نُزُلًا ﴿102﴾ قُلْ هَلْ نُنَبِّئُكُمْ بِالْأَخْسَرِينَ
أَعْمَالًا ﴿103﴾ الَّذِينَ ضَلَّ سَعْيُهُمْ فِي الْحَيَاةِ الدُّنْيَا وَهُمْ يَحْسَبُونَ أَنَّهُمْ
يُحْسِنُونَ صُنْعًا ﴿104﴾ أُولَٰئِكَ الَّذِينَ كَفَرُوا بِآيَاتِ رَبِّهِمْ وَلِقَائِهِ
فَحَبِطَتْ أَعْمَالُهُمْ فَلَا نُقِيمُ لَهُمْ يَوْمَ الْقِيَامَةِ وَزْنًا ﴿105﴾ ذَٰلِكَ جَزَاؤُهُمْ
جَهَنَّمُ بِمَا كَفَرُوا وَاتَّخَذُوا آيَاتِي وَرُسُلِي هُزُوًا ﴿106﴾ إِنَّ الَّذِينَ آمَنُوا
وَعَمِلُوا الصَّالِحَاتِ كَانَتْ لَهُمْ جَنَّاتُ الْفِرْدَوْسِ نُزُلًا ﴿107﴾ خَالِدِينَ
فِيهَا لَا يَبْغُونَ عَنْهَا حِوَلًا ﴿108﴾ قُل لَّوْ كَانَ الْبَحْرُ مِدَادًا لِّكَلِمَاتِ رَبِّي
لَنَفِدَ الْبَحْرُ قَبْلَ أَن تَنفَدَ كَلِمَاتُ رَبِّي وَلَوْ جِئْنَا بِمِثْلِهِ مَدَدًا ﴿109﴾ قُلْ
إِنَّمَا أَنَا بَشَرٌ مِّثْلُكُمْ يُوحَىٰ إِلَيَّ أَنَّمَا إِلَٰهُكُمْ إِلَٰهٌ وَاحِدٌ ۖ فَمَن كَانَ يَرْجُو
لِقَاءَ رَبِّهِ فَلْيَعْمَلْ عَمَلًا صَالِحًا وَلَا يُشْرِكْ بِعِبَادَةِ رَبِّهِ أَحَدًا ﴿110﴾

ربع الحزب 31

98. Qal *(Dū l-Qarnajn)*: "Dan *(is-sur huwa)* hniena minn Sidi, iżda meta tasal il-weghda ta' Sidi, *(is-sur)* jagħmlu frak *(u l-ġnus ta' Ja'ġūġ u Ma'ġūġ joħorġu minn warajh)*, u l-weghda ta' Sidi hija tabilħaqq *(u sseħħ dejjem)*!"

99. Dakinhar *(li l-ġnus jitħalltu)* inhallu whud minnhom joghlew bhal mewġ fuq l-oħrajn, tindaqq il-trumbetta *(li tħabbar l-Aħħar Jum)*, u niġmgħuhom ilkoll kemm huma.

100. U dakinhar nuru l-Infern lil dawk bla twemmin, berah quddiemhom,

101. dawk li *(f'ħajjithom kienu bla twemmin u)* għajnejhom kienu *(mgezwrin)* f'għata *(u ma setgħux jaraw il-kobor tal-ħolqien madwarhom u ma setgħux)* jiftakru fija *(u jsebbħuni)*, u ma kinux jistgħu jisimgħu *(it-tagħlim ta' Alla kif niżel fil-Qoran imqaddes)*.

102. Jaqaw dawk li ċaħdu t-twemmin jaħsbu li *(jistgħu)* jieħdu lill-qaddejja tiegħi *(lill-anġli, jew lil Għużajr, jew lil Ġesù)* biex iħarsuhom minfloki? Aħna tabilħaqq hejjejna l-Infern fejn joqogħdu dawk li ma jemmnux.

103. Għid*(ilhom Muħammad lil ta' bla twemmin)*: "Tridu nhabbrulkom dwar dawk li huma l-akbar telliefa bl-għemejjel *(tagħhom)*?"

104. Huma dawk li t-tħabrik tagħhom fil-ħajja *(f'din)* id-dinja jintilef *(u jiġi fix-xejn)*, u jaħsbu li huma qegħdin jagħmlu tajjeb.

105. Dawk huma li jiċħdu s-sinjali ta' Sidhom *(fosthom il-Qoran)* u l-laqgħa miegħu *(fl-Aħħar Jum, u għalhekk)* l-għemejjel tagħhom jisfaw fix-xejn, u f'Jum il-Qawmien ma nagħtuhom ebda toqol *(ta' ġieħ)*.

106. Dak huwa ħlashom: l-Infern, talli ċaħdu t-twemmin u kasbru s-sinjali u l-Mibgħutin tiegħi.

107. Tassew li dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid għandhom *(imħejjija għalihom)* il-Ġonna tal-*Firdaws*[53] biex joqogħdu fihom.

108. Fihom jgħammru għal dejjem, u ma jkunu jridu ebda bidla *(u xejn aktar)* ħliefhom.

109. Għid*(ilhom)*: "Kieku l-baħar kien linka għal Kliem Sidi, il-baħar kien jinħela qabel ma jinħela Kliem Sidi, ukoll kieku kellna nżidu *(baħar ieħor)* bħalu."

110. Għid: "Jiena m'iniex għajr bniedem bħalkom. Huwa mnebbaħ lili li Alla tagħkom huwa Alla Wieħed, u min jittama fil-laqgħa ma' Sidu *(il-Mulej, biex jikseb il-ħlas mixtieq)* għandu jagħmel għemil ta' ġid, u ma jxierek lil ħadd fil-qima ta' Sidu."

---

[53] Il-*Firdaws*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

سورة مريم

بسم الله الرحمن الرحيم

كٓهيعٓصٓ ﴿1﴾ ذِكْرُ رَحْمَتِ رَبِّكَ عَبْدَهُۥ زَكَرِيَّآ ﴿2﴾
إِذْ نَادَىٰ رَبَّهُۥ نِدَآءً خَفِيًّا ﴿3﴾ قَالَ رَبِّ إِنِّى وَهَنَ ٱلْعَظْمُ
مِنِّى وَٱشْتَعَلَ ٱلرَّأْسُ شَيْبًا وَلَمْ أَكُنۢ بِدُعَآئِكَ رَبِّ
شَقِيًّا ﴿4﴾ وَإِنِّى خِفْتُ ٱلْمَوَٰلِىَ مِن وَرَآءِى وَكَانَتِ
ٱمْرَأَتِى عَاقِرًا فَهَبْ لِى مِن لَّدُنكَ وَلِيًّا ﴿5﴾ يَرِثُنِى وَيَرِثُ
مِنْ ءَالِ يَعْقُوبَ ۖ وَٱجْعَلْهُ رَبِّ رَضِيًّا ﴿6﴾ يَٰزَكَرِيَّآ
إِنَّا نُبَشِّرُكَ بِغُلَٰمٍ ٱسْمُهُۥ يَحْيَىٰ لَمْ نَجْعَل لَّهُۥ مِن قَبْلُ سَمِيًّا
﴿7﴾ قَالَ رَبِّ أَنَّىٰ يَكُونُ لِى غُلَٰمٌ وَكَانَتِ ٱمْرَأَتِى
عَاقِرًا وَقَدْ بَلَغْتُ مِنَ ٱلْكِبَرِ عِتِيًّا ﴿8﴾ قَالَ كَذَٰلِكَ
قَالَ رَبُّكَ هُوَ عَلَىَّ هَيِّنٌ وَقَدْ خَلَقْتُكَ مِن قَبْلُ وَلَمْ تَكُ
شَيْـًٔا ﴿9﴾ قَالَ رَبِّ ٱجْعَل لِّىٓ ءَايَةً ۚ قَالَ ءَايَتُكَ أَلَّا
تُكَلِّمَ ٱلنَّاسَ ثَلَٰثَ لَيَالٍ سَوِيًّا ﴿10﴾ فَخَرَجَ عَلَىٰ قَوْمِهِۦ
مِنَ ٱلْمِحْرَابِ فَأَوْحَىٰٓ إِلَيْهِمْ أَن سَبِّحُوا۟ بُكْرَةً وَعَشِيًّا ﴿11﴾

19. *Sūratu Marjam*

(Suret Marija – Niżlet f'Mekka bi 98 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Kāf. Hā'. Jā'. Għajn. Ṣād.*
2. *(Muħammad, din hija)* tifkira tal-ħniena ta' Sidek lill-qaddej tiegħu Żakkarija.
3. Meta sejjaħ lil Sidu *(u talbu)* bil-moħbi.
4. Qal: "Sidi, tabilħaqq li għadmi ddgħajjef u *(xagħar)* rasi xegħel bil-bjuda. Jiena ma kontx, Sidi, imnikket bit-talb lilek *(għaliex Inti dejjem weġibtni)*.
5. Jiena tassew nibża' mill-qraba tiegħi *(li jitilfu t-twemmin u, wara li mmut, jilħqu)* warajja, u marti ma jistax ikollha tfal. Għalhekk *(nitolbok)* agħtini werriet mingħandek *(mit-tjieba tiegħek)*.
6. Huwa jiritni, u jiret minn nies Ġakobb *(il-profezija u l-għerf)*, u agħmlu, Sidi, bniedem li jgħaxxqek."
7. *(Alla qallu)*: "Ja Żakkarija, Aħna tabilħaqq nagħtuk il-bxara t-tajba *(imwassla minn anġlu)* dwar tifel jismu Ġwanni; lil ħadd qablu ma tajna dan l-isem."
8. Qal *(Żakkarija)*: "Kif ikolli tifel meta marti ma jistax ikollha tfal, *(aktar u aktar issa li xjaħet)* u jiena kbirt u sirt xiħ għakka?"
9. Qal*(lu Alla)*: "Hekk *(se jiġri, bħalma ħabbartlek)*! Sidek qal: 'Din għalija *(ħaġa)* ħafifa! Jiena tabilħaqq ħlaqtek, qabel, meta inti ma kont xejn!'"
10. Qal *(Żakkarija)*: "Sidi, agħtini sinjal *(meta marti titqal)*." Qal*(lu Alla)*: "Is-sinjal tiegħek ikun li ma tkellimx lin-nies għal *(tlett ijiem u)* tliet iljieli, minkejja li inti f'saħħtek *(u titkellem)*!"
11. Għalhekk *(Żakkarija)* ħareġ mill-maqdes għal għand niesu, u fehemhom bis-sinjali *(li beda jagħmel b'rasu u b'idejh, li għandhom)* isebbħu *(lil Alla u jitolbuh)* filgħodu u filgħaxija.

يَٰيَحۡيَىٰ خُذِ ٱلۡكِتَٰبَ بِقُوَّةٖۖ وَءَاتَيۡنَٰهُ ٱلۡحُكۡمَ صَبِيّٗا ﴿12﴾
وَحَنَانٗا مِّن لَّدُنَّا وَزَكَوٰةٗۖ وَكَانَ تَقِيّٗا ﴿13﴾ وَبَرَّۢا بِوَٰلِدَيۡهِ وَلَمۡ
يَكُن جَبَّارًا عَصِيّٗا ﴿14﴾ وَسَلَٰمٌ عَلَيۡهِ يَوۡمَ وُلِدَ وَيَوۡمَ يَمُوتُ
وَيَوۡمَ يُبۡعَثُ حَيّٗا ﴿15﴾ وَٱذۡكُرۡ فِي ٱلۡكِتَٰبِ مَرۡيَمَ إِذِ ٱنتَبَذَتۡ
مِنۡ أَهۡلِهَا مَكَانٗا شَرۡقِيّٗا ﴿16﴾ فَٱتَّخَذَتۡ مِن دُونِهِمۡ حِجَابٗا
فَأَرۡسَلۡنَآ إِلَيۡهَا رُوحَنَا فَتَمَثَّلَ لَهَا بَشَرٗا سَوِيّٗا ﴿17﴾ قَالَتۡ إِنِّيٓ
أَعُوذُ بِٱلرَّحۡمَٰنِ مِنكَ إِن كُنتَ تَقِيّٗا ﴿18﴾ قَالَ إِنَّمَآ أَنَا۠ رَسُولُ
رَبِّكِ لِأَهَبَ لَكِ غُلَٰمٗا زَكِيّٗا ﴿19﴾ قَالَتۡ أَنَّىٰ يَكُونُ لِي
غُلَٰمٞ وَلَمۡ يَمۡسَسۡنِي بَشَرٞ وَلَمۡ أَكُ بَغِيّٗا ﴿20﴾ قَالَ كَذَٰلِكِ
قَالَ رَبُّكِ هُوَ عَلَيَّ هَيِّنٞۖ وَلِنَجۡعَلَهُۥٓ ءَايَةٗ لِّلنَّاسِ وَرَحۡمَةٗ
مِّنَّاۚ وَكَانَ أَمۡرٗا مَّقۡضِيّٗا ﴿21﴾ ۞ فَحَمَلَتۡهُ فَٱنتَبَذَتۡ
بِهِۦ مَكَانٗا قَصِيّٗا ﴿22﴾ فَأَجَآءَهَا ٱلۡمَخَاضُ إِلَىٰ جِذۡعِ ٱلنَّخۡلَةِ
قَالَتۡ يَٰلَيۡتَنِي مِتُّ قَبۡلَ هَٰذَا وَكُنتُ نَسۡيٗا مَّنسِيّٗا ﴿23﴾
فَنَادَىٰهَا مِن تَحۡتِهَآ أَلَّا تَحۡزَنِي قَدۡ جَعَلَ رَبُّكِ تَحۡتَكِ سَرِيّٗا ﴿24﴾
وَهُزِّيٓ إِلَيۡكِ بِجِذۡعِ ٱلنَّخۡلَةِ تُسَٰقِطۡ عَلَيۡكِ رُطَبٗا جَنِيّٗا ﴿25﴾

نصف الحزب 31

12. *(Fi ċkunitu Ġwanni kien ħa dan l-amar mingħand Alla)*: "Ġwanni, żomm sħiħ mal-Ktieb *(tat-Torā)*." U tajnieh l-għerf sa minn tfulitu.
13. *(U tajnieh ukoll)* ħniena mingħandna *(lejn kulħadd, kif ukoll)* safa *(mid-dnub)*, u kien jibża' minn Alla,
14. kien jagħti ġieħ lil missieru u lil ommu, u ma kienx imkabbar, *(u lanqas)* jirvilla.
15. Sliem fuqu *(kellu)* fil-jum li twieled *(u sliem ikollu)* fil-jum li jmut, u fil-Jum li jitqajjem għall-Ħajja!
16. Semmi *(Muħammad)* fil-Ktieb lil Marija *(u l-ġrajja tagħha)*, meta warrbet minn niesha *(u marret)* fi mkien fil-Lvant *(ta' Ġerusalemm biex tqatta' ħin tqim u titlob lil Alla)*.
17. U nsatret minnhom b'velu, u *(imbagħad)* bgħatnielha lil ruħna *(l-anġlu Gabrijel)*, u dehrilha f'għamla ta' bniedem sħiħ.
18. Qalet *(imbeżżgħa)*: "Inlittex kenn minnek f'Dak li hu Kollu Ħniena. Jekk inti tibża' minn Alla, *(ara li ma tagħmilli ebda ħsara)*!" .
19. Qal*(ilha l-anġlu: "La tibżax!)* Jiena biss il-Mibgħut ta' Sidek *(il-Mulej, u ġejt)* biex nagħtik *(il-bxara dwar)* iben safi *(mid-dnub)*."
20. Qalet *(Marija)*: "Kif ikolli iben meta ma messni *(ebda)* bniedem, u *(qatt)* ma kont żienja?"
21. Qal*(ilha l-anġlu Gabrijel)*: "Hekk *(se jiġri, bħalma ħabbartlek)*! Sidek qal: 'Din għalija *(ħaġa)* ħafifa, u *(Aħna rridu)* nagħmluh *(lil ibnek)* sinjal għan-nies, u ħniena minna.' Din tassew ħaġa maqtugħa *(u se sseħħ)*!"
22. Għalhekk hija tqalet bih, u warrbet bih fi mkien imbiegħed *(għaliex beżgħet li niesha jixluha biż-żina)*.
23. U l-uġigħ tal-ħlas ġabha lejn iz-zokk tal-palma u *(fin-niket tagħha)* qalet: "Mhux li mitt qabel *(ma seħħ)* dan, u *(mhux li)* kont minsija għal kollox!"
24. U *(leħen Ġesù tarbija, jew dak ta' l-anġlu Gabrijel, instema')* isejħilha minn taħtha *(u jgħidilha)*: "La titnikkitx! Sidek *(il-Mulej)* ħareġ minn taħtek nixxiegħa *(ilma)*.
25. Heżżeż lejk zokk il-palma; tamar misjur twaqqa' fuqek *(is-siġra u tkun tista' tieklu)*.

فَكُلِي وَاشْرَبِي وَقَرِّي عَيْنًا ۖ فَإِمَّا تَرَيِنَّ مِنَ الْبَشَرِ أَحَدًا فَقُولِي
إِنِّي نَذَرْتُ لِلرَّحْمَٰنِ صَوْمًا فَلَنْ أُكَلِّمَ الْيَوْمَ إِنسِيًّا ﴿26﴾
فَأَتَتْ بِهِ قَوْمَهَا تَحْمِلُهُ ۖ قَالُوا يَا مَرْيَمُ لَقَدْ جِئْتِ شَيْئًا
فَرِيًّا ﴿27﴾ يَا أُخْتَ هَارُونَ مَا كَانَ أَبُوكِ امْرَأَ سَوْءٍ وَمَا كَانَتْ
أُمُّكِ بَغِيًّا ﴿28﴾ فَأَشَارَتْ إِلَيْهِ ۖ قَالُوا كَيْفَ نُكَلِّمُ مَن كَانَ فِي
الْمَهْدِ صَبِيًّا ﴿29﴾ قَالَ إِنِّي عَبْدُ اللَّهِ آتَانِيَ الْكِتَابَ وَجَعَلَنِي
نَبِيًّا ﴿30﴾ وَجَعَلَنِي مُبَارَكًا أَيْنَ مَا كُنتُ وَأَوْصَانِي بِالصَّلَاةِ
وَالزَّكَاةِ مَا دُمْتُ حَيًّا ﴿31﴾ وَبَرًّا بِوَالِدَتِي وَلَمْ يَجْعَلْنِي
جَبَّارًا شَقِيًّا ﴿32﴾ وَالسَّلَامُ عَلَيَّ يَوْمَ وُلِدتُّ وَيَوْمَ أَمُوتُ
وَيَوْمَ أُبْعَثُ حَيًّا ﴿33﴾ ذَٰلِكَ عِيسَى ابْنُ مَرْيَمَ ۚ قَوْلَ الْحَقِّ
الَّذِي فِيهِ يَمْتَرُونَ ﴿34﴾ مَا كَانَ لِلَّهِ أَن يَتَّخِذَ مِن وَلَدٍ ۖ سُبْحَانَهُ ۚ
إِذَا قَضَىٰ أَمْرًا فَإِنَّمَا يَقُولُ لَهُ كُن فَيَكُونُ ﴿35﴾ وَإِنَّ اللَّهَ رَبِّي وَرَبُّكُمْ
فَاعْبُدُوهُ ۚ هَٰذَا صِرَاطٌ مُّسْتَقِيمٌ ﴿36﴾ فَاخْتَلَفَ الْأَحْزَابُ مِن
بَيْنِهِمْ ۖ فَوَيْلٌ لِّلَّذِينَ كَفَرُوا مِن مَّشْهَدِ يَوْمٍ عَظِيمٍ ﴿37﴾ أَسْمِعْ بِهِمْ
وَأَبْصِرْ يَوْمَ يَأْتُونَنَا ۖ لَٰكِنِ الظَّالِمُونَ الْيَوْمَ فِي ضَلَالٍ مُّبِينٍ ﴿38﴾

26. Mela kul u ixrob, u thenna *(u tfarrag bit-tarbija ta' l-għaġeb li għadek kif wellidt)*! U jekk tara lil xi ħadd mill-bnedmin *(u jistaqsik dwar ibnek)*, għid*(lu)*: 'Jiena għamilt weghda ma' Dak li hu Kollu Ħniena ta' sawma *(mill-kliem)*, u llum ma jiena se nkellem ebda bniedem!'"

27. U ġabitu *(lil Ġesù tarbija)* għand niesha, iġġorru *(f'dirgħajha)*, u qalu*(lha maħsudin)*: "Marija! Tassew għamilt ħaġa ta' l-għaġeb!

28. Ja oħt Aron[54] *(x'mort għamilt b'idejk)*, missierek ma kienx raġel ħażin, u ommok ma kinitx żienja!"

29. Iżda hi, *(minflok qagħdet tħaqqaqha magħhom)* għamlet sinjal lejh *(biex ikellmu lit-tarbija, iżda huma)* qalu: "Kif *(nistgħu)* inkellmu lil min għadu tarbija fil-benniena?"

30. Qal*(ilhom Ġesù)*: "Jiena tabilħaqq il-qaddej ta' Alla! Huwa tani l-Ktieb *(ta' l-Evanġelju)* u għamilni Profeta!

31. Għamilni mbierek *(u nagħmel il-ġid ma' kulħadd)*, kulfejn inkun, u ordnali *(nagħmel dejjem)* it-talb u l-karità kemm indum ħaj;

32. u *(għamilni)* twajjeb ma' ommi, u ma għamilnix imkabbar, *(u lanqas)* miżerabbli.

33. Is-sliem fuqi *(kelli)* fil-jum li twelidt, *(is-sliem ikolli)* fil-jum li mmut, u fil-Jum li nitqajjem għall-Ħajja!"

34. Dak huwa Ġesù bin Marija. *(Dan huwa)* kliem is-sewwa li *(dawk li jħobbu jħaqquha)* imieru lil xulxin *(u għandhom dubju)* dwaru.

35. Ma jkun *(qatt)* li Alla jieħu għalih wild. Sebħ lilu! Meta jaqta' xi ħaġa, *(arah)* jgħidilha biss: "Kun!" u tkun.

36. *(Ġesù stqarr u amar)*: "Tabilħaqq li Alla huwa Sidi u Sidkom. Mela qimuh! Din hija triq dritta."

37. Iżda s-setet *(tal-Lhud u ta' l-Insara)* ma qablux bejniethom *(dwar Ġesù)*. Ħażin għalihom dawk li ċaħdu t-twemmin, meta għad jaraw Jum tal-biża'!

38. Ismagħhom u ara*(hom)* fil-Jum li jiġu għandna! Iżda llum il-ħżiena jinsabu f'telfien fid-dieher!

---

[54] Ma hemmx dubju li Marija ma kinitx oħt il-Profeta Aron (s.f.) u kienu għaddew mijiet ta' snin bejniethom. Il-vers jista' jfisser hekk: "Int imnissla minn Aron ....", jew inkella, "Inti li tixbah lil Aron fil-biża' ta' Alla u l-qima ..."

وَأَنذِرْهُمْ يَوْمَ الْحَسْرَةِ إِذْ قُضِيَ الْأَمْرُ وَهُمْ فِي غَفْلَةٍ وَهُمْ لَا يُؤْمِنُونَ ﴿39﴾ إِنَّا نَحْنُ نَرِثُ الْأَرْضَ وَمَنْ عَلَيْهَا وَإِلَيْنَا يُرْجَعُونَ ﴿40﴾ وَاذْكُرْ فِي الْكِتَابِ إِبْرَاهِيمَ ۚ إِنَّهُ كَانَ صِدِّيقًا نَّبِيًّا ﴿41﴾ إِذْ قَالَ لِأَبِيهِ يَا أَبَتِ لِمَ تَعْبُدُ مَا لَا يَسْمَعُ وَلَا يُبْصِرُ وَلَا يُغْنِي عَنكَ شَيْئًا ﴿42﴾ يَا أَبَتِ إِنِّي قَدْ جَاءَنِي مِنَ الْعِلْمِ مَا لَمْ يَأْتِكَ فَاتَّبِعْنِي أَهْدِكَ صِرَاطًا سَوِيًّا ﴿43﴾ يَا أَبَتِ لَا تَعْبُدِ الشَّيْطَانَ ۖ إِنَّ الشَّيْطَانَ كَانَ لِلرَّحْمَٰنِ عَصِيًّا ﴿44﴾ يَا أَبَتِ إِنِّي أَخَافُ أَن يَمَسَّكَ عَذَابٌ مِّنَ الرَّحْمَٰنِ فَتَكُونَ لِلشَّيْطَانِ وَلِيًّا ﴿45﴾ قَالَ أَرَاغِبٌ أَنتَ عَنْ آلِهَتِي يَا إِبْرَاهِيمُ ۖ لَئِن لَّمْ تَنتَهِ لَأَرْجُمَنَّكَ ۖ وَاهْجُرْنِي مَلِيًّا ﴿46﴾ قَالَ سَلَامٌ عَلَيْكَ ۖ سَأَسْتَغْفِرُ لَكَ رَبِّي ۖ إِنَّهُ كَانَ بِي حَفِيًّا ﴿47﴾ وَأَعْتَزِلُكُمْ وَمَا تَدْعُونَ مِن دُونِ اللَّهِ وَأَدْعُو رَبِّي عَسَىٰ أَلَّا أَكُونَ بِدُعَاءِ رَبِّي شَقِيًّا ﴿48﴾ فَلَمَّا اعْتَزَلَهُمْ وَمَا يَعْبُدُونَ مِن دُونِ اللَّهِ وَهَبْنَا لَهُ إِسْحَاقَ وَيَعْقُوبَ ۖ وَكُلًّا جَعَلْنَا نَبِيًّا ﴿49﴾ وَوَهَبْنَا لَهُم مِّن رَّحْمَتِنَا وَجَعَلْنَا لَهُمْ لِسَانَ صِدْقٍ عَلِيًّا ﴿50﴾ وَاذْكُرْ فِي الْكِتَابِ مُوسَىٰ ۚ إِنَّهُ كَانَ مُخْلَصًا وَكَانَ رَسُولًا نَّبِيًّا ﴿51﴾

39. U widdibhom *(Muħammad lill-ħżiena)* dwar Jum il-ħasra, meta l-kwistjoni *(dwar x'se jsir minnhom)* tinqata', filwaqt li huma moħħhom imtajjar u ma jemmnux *(f'Jum il-Ħaqq)*.
40. Tabilħaqq li Aħna nirtu l-art u kulmin hemm fuqha, u lejna jitreġġgħu lura *(il-bnedmin kollha)*.
41. Semmi *(ukoll Muħammad)* fil-Ktieb lil Abraham *(u l-ġrajja tiegħu)*. Huwa kien tabilħaqq bniedem ta' kelmtu, Profeta.
42. Meta *(Abraham)* qal lil missieru: "Missier, għaliex tqim dak *(l-idolu)* li la jisma', la jara, u lanqas jiswielek f'xejn?
43. Missier, tabilħaqq ġieni għarfien li ma ġiex lilek. Mela imxi warajja! Jiena mmexxik fi triq dritta.
44. Missier, la tqimx lix-Xitan! Tassew li x-Xitan *(fil-kburija tiegħu)* jeħodha kontra Dak li huwa Kollu Ħniena.
45. Missier, nibża' li jmissek kastig mingħand Dak li huwa Kollu Ħniena, u *(tmut meta)* tkun ħabib tax-Xitan."
46. Qal*(lu missieru)*: "Jaqaw inti, Abraham, tiskerrah l-allat tiegħi *(u ma għadekx 'tqimhom)*? Jekk mhux se tieqaf *(titkellem kontra l-allat ta' missirijietna)*, żgur inħaġġrek! U itlaqni għal żmien twil!"
47. Qal*(lu Abraham)*: "Sliem għalik! Se nitlob lil Sidi *(il-Mulej)* jaħfirlek. Huwa tabilħaqq twajjeb miegħi!
48. Jiena ninfired minnkom u minn dak li ssejħu minflok Alla, u se nitlob lil Sidi. Għandi mnejn ma ninkeddx bit-talb tiegħi lil Sidi *(għaliex Huwa dejjem jisma' talbi)*."
49. U meta nfired minnhom u minn dak li jqimu minflok Alla, Aħna tajnieh lil Iżakk u lil Ġakobb, u lil kull wieħed minnhom għamilna Profeta.
50. Aħna tajniehom *(lil Abraham, lil Iżakk, u lil Ġakobb kull ġid spiritwali u materjali)* mill-ħniena tagħna, u tajniehom ġieħ u tifħir kbir *(fost il-bnedmin)*.
51. U semmi *(ukoll Muħammad)* fil-Ktieb lil Mosè *(u l-ġrajja tiegħu)*. Tabilħaqq li kien magħżul *(minn Alla)*, u kien Mibgħut, Profeta.

وَنَـٰدَيْنَـٰهُ مِن جَانِبِ ٱلطُّورِ ٱلْأَيْمَنِ وَقَرَّبْنَـٰهُ نَجِيًّا ﴿52﴾ وَوَهَبْنَا لَهُۥ مِن
رَّحْمَتِنَآ أَخَاهُ هَـٰرُونَ نَبِيًّا ﴿53﴾ وَٱذْكُرْ فِى ٱلْكِتَـٰبِ إِسْمَـٰعِيلَ ۚ إِنَّهُۥ كَانَ
صَادِقَ ٱلْوَعْدِ وَكَانَ رَسُولًا نَّبِيًّا ﴿54﴾ وَكَانَ يَأْمُرُ أَهْلَهُۥ بِٱلصَّلَوٰةِ
وَٱلزَّكَوٰةِ وَكَانَ عِندَ رَبِّهِۦ مَرْضِيًّا ﴿55﴾ وَٱذْكُرْ فِى ٱلْكِتَـٰبِ إِدْرِيسَ ۚ
إِنَّهُۥ كَانَ صِدِّيقًا نَّبِيًّا ﴿56﴾ وَرَفَعْنَـٰهُ مَكَانًا عَلِيًّا ﴿57﴾ أُو۟لَـٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ
أَنْعَمَ ٱللَّهُ عَلَيْهِم مِّنَ ٱلنَّبِيِّـۧنَ مِن ذُرِّيَّةِ ءَادَمَ وَمِمَّنْ حَمَلْنَا مَعَ نُوحٍ
وَمِن ذُرِّيَّةِ إِبْرَٰهِيمَ وَإِسْرَٰٓءِيلَ وَمِمَّنْ هَدَيْنَا وَٱجْتَبَيْنَا ۚ إِذَا تُتْلَىٰ عَلَيْهِمْ
ءَايَـٰتُ ٱلرَّحْمَـٰنِ خَرُّوا۟ سُجَّدًا وَبُكِيًّا ﴿58﴾ ۩ فَخَلَفَ مِنۢ بَعْدِهِمْ
خَلْفٌ أَضَاعُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ وَٱتَّبَعُوا۟ ٱلشَّهَوَٰتِ ۖ فَسَوْفَ يَلْقَوْنَ غَيًّا
﴿59﴾ إِلَّا مَن تَابَ وَءَامَنَ وَعَمِلَ صَـٰلِحًا فَأُو۟لَـٰٓئِكَ يَدْخُلُونَ ٱلْجَنَّةَ
وَلَا يُظْلَمُونَ شَيْـًٔا ﴿60﴾ جَنَّـٰتِ عَدْنٍ ٱلَّتِى وَعَدَ ٱلرَّحْمَـٰنُ عِبَادَهُۥ
بِٱلْغَيْبِ ۚ إِنَّهُۥ كَانَ وَعْدُهُۥ مَأْتِيًّا ﴿61﴾ لَّا يَسْمَعُونَ فِيهَا لَغْوًا إِلَّا سَلَـٰمًا ۖ
وَلَهُمْ رِزْقُهُمْ فِيهَا بُكْرَةً وَعَشِيًّا ﴿62﴾ تِلْكَ ٱلْجَنَّةُ ٱلَّتِى نُورِثُ مِنْ
عِبَادِنَا مَن كَانَ تَقِيًّا ﴿63﴾ وَمَا نَتَنَزَّلُ إِلَّا بِأَمْرِ رَبِّكَ ۖ لَهُۥ مَا بَيْنَ
أَيْدِينَا وَمَا خَلْفَنَا وَمَا بَيْنَ ذَٰلِكَ ۚ وَمَا كَانَ رَبُّكَ نَسِيًّا ﴿64﴾

ثلاثة أرباع
الحزب 31
سجدة

52. Aħna sejjaħnielu min-naħa tal-lemin tal-muntanja *(Sinaj)*, u qarribnieh *(lejna)* biex niltaqgħu u nitkellmu.
53. U mill-ħniena tagħna tajnieh lil ħuh Aron bħala Profeta *(ukoll)*.
54. U semmi *(Muħammad)* fil-Ktieb lil Ismagħel *(u l-ġrajja tiegħu)*. Tabilħaqq li kien iżomm kelmtu, u kien Mibgħut, Profeta.
55. Huwa kien jamar lil niesu jitolbu u jagħtu l-karità, u kien milqugħ b'għaxqa għand Sidu.
56. U fil-Ktieb semmi lil 'Idrīs *(in-nannu ta' Noè)*. Huwa kien tassew bniedem ta' kelmtu, *(u kien ukoll)* Profeta.
57. Aħna tellajnieh fi mkien għoli.
58. Dawk kienu wħud mill-Profeti li Alla xeħet il-grazzja *(tiegħu)* fuqhom, minn nisel Adam, minn dawk li ġarrejna ma' Noè *(fl-arka)*, minn nisel Abraham u Israel, u minn dawk li mexxejna fit-triq it-tajba, u li konna għażilna. Meta jinqrawlhom il-versi ta' Dak li huwa Kollu Ħniena, *(arahom)* jinxteħtu fl-art bil-qima u bil-biki.
59. Iżda warajhom ġie nisel *(ħażin)* li telaq it-talb *(imwaqqaf bil-liġi)* u mexa wara x-xewqat. *(Għalhekk nies dan in-nisel)* se jsibu l-qerda *(u t-telfien ta' dejjem)*,
60. ħlief min nidem, emmen u għamel il-ġid. Dawk jidħlu l-Ġenna, u xejn ma ssir inġustizzja magħhom.
61. *(Huma jidħlu)* il-Ġonna ta' l-Għeden li Dak li huwa Kollu Ħniena wiegħed lill-qaddejja tiegħu fil-mistur. Il-wegħda tiegħu tabilħaqq ġejja *(u sseħħ żgur)*.
62. Hemm ma jisimgħux kliem fieragħ, imma *(kliem ta')* sliem, u fihom *(dawk il-Ġonna)* għandhom l-għajxien tagħhom, filgħodu u filgħaxija.
63. Dik hija l-Ġenna li nagħtu b'wirt lil min, fost il-qaddejja tagħna, kien jibża' minn Alla.
64. *(L-anġlu Gabrijel qal)*: "Ma nitniżżlux *(mis-sema bir-Rivelazzjoni)* jekk mhux bl-amar ta' Sidek. Tiegħu dak li għandna quddiemna, dak li jinsab warajna, u dak li hemm bejniethom. Sidek ma jinsa qatt!

رَبُّ السَّمَٰوَٰتِ وَالْأَرْضِ وَمَا بَيْنَهُمَا فَاعْبُدْهُ وَاصْطَبِرْ لِعِبَادَتِهِۦ ۚ
هَلْ تَعْلَمُ لَهُۥ سَمِيًّا ﴿65﴾ وَيَقُولُ الْإِنسَٰنُ أَءِذَا مَا مِتُّ لَسَوْفَ
أُخْرَجُ حَيًّا ﴿66﴾ أَوَلَا يَذْكُرُ الْإِنسَٰنُ أَنَّا خَلَقْنَٰهُ مِن قَبْلُ
وَلَمْ يَكُ شَيْـًٔا ﴿67﴾ فَوَرَبِّكَ لَنَحْشُرَنَّهُمْ وَالشَّيَٰطِينَ ثُمَّ
لَنُحْضِرَنَّهُمْ حَوْلَ جَهَنَّمَ جِثِيًّا ﴿68﴾ ثُمَّ لَنَنزِعَنَّ مِن كُلِّ
شِيعَةٍ أَيُّهُمْ أَشَدُّ عَلَى الرَّحْمَٰنِ عِتِيًّا ﴿69﴾ ثُمَّ لَنَحْنُ أَعْلَمُ بِالَّذِينَ
هُمْ أَوْلَىٰ بِهَا صِلِيًّا ﴿70﴾ وَإِن مِّنكُمْ إِلَّا وَارِدُهَا ۚ كَانَ عَلَىٰ رَبِّكَ
حَتْمًا مَّقْضِيًّا ﴿71﴾ ثُمَّ نُنَجِّى الَّذِينَ اتَّقَوا۟ وَّنَذَرُ الظَّٰلِمِينَ
فِيهَا جِثِيًّا ﴿72﴾ وَإِذَا تُتْلَىٰ عَلَيْهِمْ ءَايَٰتُنَا بَيِّنَٰتٍ قَالَ الَّذِينَ كَفَرُوا۟
لِلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ أَىُّ الْفَرِيقَيْنِ خَيْرٌ مَّقَامًا وَأَحْسَنُ نَدِيًّا ﴿73﴾ وَكَمْ
أَهْلَكْنَا قَبْلَهُم مِّن قَرْنٍ هُمْ أَحْسَنُ أَثَٰثًا وَرِءْيًا ﴿74﴾ قُلْ مَن
كَانَ فِى الضَّلَٰلَةِ فَلْيَمْدُدْ لَهُ الرَّحْمَٰنُ مَدًّا ۚ حَتَّىٰٓ إِذَا رَأَوْا۟ مَا يُوعَدُونَ
إِمَّا الْعَذَابَ وَإِمَّا السَّاعَةَ فَسَيَعْلَمُونَ مَنْ هُوَ شَرٌّ مَّكَانًا
وَأَضْعَفُ جُندًا ﴿75﴾ وَيَزِيدُ اللَّهُ الَّذِينَ اهْتَدَوْا۟ هُدًى ۗ
وَالْبَٰقِيَٰتُ الصَّٰلِحَٰتُ خَيْرٌ عِندَ رَبِّكَ ثَوَابًا وَخَيْرٌ مَّرَدًّا ﴿76﴾

65. Huwa Sid is-smewwiet u l-art, u kulma jinsab bejniethom. Mela agħtih qima *(Muħammad)*, u stabar fil-qima tiegħu. Jaqaw taf *(lil ħaddieħor)* bl-Isem tiegħu?"

66. Il-bniedem *(li ma jemminx)* jgħid: "Jaqaw meta mmut se ninħareġ ħaj *(mill-qabar)*?"

67. Mela l-bniedem ma jiftakarx li Aħna ħlaqnieh, qabel, meta ma kien xejn?

68. Għalhekk fuq Sidek *(Muħammad)*, Aħna tabilħaqq niġbruhom, u x-xjaten *(ukoll)*. Imbagħad tassew inġibuhom għarkubbtejhom madwar l-Infern!

69. Imbagħad minn kull ġemgħa *(li kellha twemmin ieħor)*, tassew noħorġu l-agħar fosthom li ħaduha kontra Dak li huwa Kollu Ħniena!

70. Aħna tabilħaqq nafu b'dawk li l-aktar ħaqqhom jinxtwew fih *(l-Infern)*!

71. Ma hemm ħadd minnkom *(sew jekk Mislem, sew jekk ta' twemmin ieħor)* li ma jersaqx lejh *(l-Infern)*. Din ħaġa li Sidek *(il-Mulej)* qata' li għandha sseħħ!

72. Imbagħad neħilsu lil dawk li *(f'ħajjithom)* beżgħu *(minna u għamlu l-ġid)*, u nħallu l-ħżiena għarkubbtejhom fih *(għal dejjem)*.

73. Meta jinqrawlhom il-versi ċari tagħna, dawk li ċaħdu t-twemmin jgħidu lil dawk li jemmnu: "Liema miż-żewġ ġemgħat *(aħna jew intom)* tinsab fl-aħjar qagħda, u liema minnhom jagħmlu l-isbaħ laqgħat *(dawk tagħkom li jmorru għalihom il-foqra u l-magħkusin, jew il-laqgħat tagħna li jiġu għalihom l-għonja u l-kbarat)*?"

74. U kemm-il ġens *(imkabbar bħalhom)* qridna qabilhom, li kienu aħjar minnhom fit-tagħmir tad-djar *(lussużi tagħhom)* u fid-dehra *(tagħhom)*.

75. Għid *(Muħammad)*: "Min jinsab mitluf, Dak li huwa Kollu Ħniena jżidu sewwa *(fl-għomor u l-ġid)*, sa ma *(jasal iż-żmien u)* jaraw *(isseħħ)* dak li kienu mwiegħda: jew il-kastig, jew is-Siegħa *(li toqrob bla xejn ma jżommha)*. Imbagħad ikunu jafu min huwa fl-agħar imkien u l-aktar dgħajjef fil-qawwiet!"

76. Alla jżid fit-tmexxija t-tajba lil dawk li jimxu fit-triq it-tajba, u l-ħwejjeġ tajba li jibqgħu huma aħjar, għand Sidek, bħala ħlas u bħala tmiem *(xieraq li jġib miegħu hena għal dejjem fil-Ġenna.)*

أَفَرَءَيْتَ ٱلَّذِى كَفَرَ بِـَٔايَـٰتِنَا وَقَالَ لَأُوتَيَنَّ مَالًا وَوَلَدًا
(77) أَطَّلَعَ ٱلْغَيْبَ أَمِ ٱتَّخَذَ عِندَ ٱلرَّحْمَـٰنِ عَهْدًا (78) كَلَّا ۚ
سَنَكْتُبُ مَا يَقُولُ وَنَمُدُّ لَهُۥ مِنَ ٱلْعَذَابِ مَدًّا (79) وَنَرِثُهُۥ
مَا يَقُولُ وَيَأْتِينَا فَرْدًا (80) وَٱتَّخَذُوا۟ مِن دُونِ ٱللَّهِ ءَالِهَةً
لِّيَكُونُوا۟ لَهُمْ عِزًّا (81) كَلَّا ۚ سَيَكْفُرُونَ بِعِبَادَتِهِمْ وَيَكُونُونَ
عَلَيْهِمْ ضِدًّا (82) أَلَمْ تَرَ أَنَّآ أَرْسَلْنَا ٱلشَّيَـٰطِينَ عَلَى ٱلْكَـٰفِرِينَ
تَؤُزُّهُمْ أَزًّا (83) فَلَا تَعْجَلْ عَلَيْهِمْ ۖ إِنَّمَا نَعُدُّ لَهُمْ عَدًّا (84)
يَوْمَ نَحْشُرُ ٱلْمُتَّقِينَ إِلَى ٱلرَّحْمَـٰنِ وَفْدًا (85) وَنَسُوقُ ٱلْمُجْرِمِينَ
إِلَىٰ جَهَنَّمَ وِرْدًا (86) لَّا يَمْلِكُونَ ٱلشَّفَـٰعَةَ إِلَّا مَنِ ٱتَّخَذَ عِندَ
ٱلرَّحْمَـٰنِ عَهْدًا (87) وَقَالُوا۟ ٱتَّخَذَ ٱلرَّحْمَـٰنُ وَلَدًا (88) لَّقَدْ
جِئْتُمْ شَيْـًٔا إِدًّا (89) تَكَادُ ٱلسَّمَـٰوَٰتُ يَتَفَطَّرْنَ مِنْهُ
وَتَنشَقُّ ٱلْأَرْضُ وَتَخِرُّ ٱلْجِبَالُ هَدًّا (90) أَن دَعَوْا۟ لِلرَّحْمَـٰنِ وَلَدًا
(91) وَمَا يَنۢبَغِى لِلرَّحْمَـٰنِ أَن يَتَّخِذَ وَلَدًا (92) إِن كُلُّ مَن فِى
ٱلسَّمَـٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ إِلَّآ ءَاتِى ٱلرَّحْمَـٰنِ عَبْدًا (93) لَّقَدْ أَحْصَىٰهُمْ
وَعَدَّهُمْ عَدًّا (94) وَكُلُّهُمْ ءَاتِيهِ يَوْمَ ٱلْقِيَـٰمَةِ فَرْدًا (95)

77. Jaqaw rajt *(Muħammad)* lil dak li jiċħad is-sinjali tagħna u *(bil-wiċċ kollu)* jgħid: "Żgur ningħata ġid u wlied *(fil-Ħajja l-Oħra)*"?
78. Jaqaw *(dan)* ra l-mistur, jew daħal f'xi rabta ma' Dak li huwa Kollu Ħniena *(u jaf x'se jsir minnu fil-Ħajja l-Oħra)*?
79. Le! Se niktbu dak li jgħid, u tassew inżidulu l-kastig!
80. Aħna nirtuh dak li qiegħed jgħid *(u għandna jgħaddu wliedu u ġidu kollu)*, u *(mbagħad arah)* jiġina waħdu *(u ma jkollu lil ħadd min jgħinu f'Jum il-Ħaqq)*.
81. Huma ħadu allat *(oħra)* minflok Alla, biex ikunulhom ta' qawwa u ġieħ.
82. Le, *(mhux kif ħasbu)*! *(F'Jum il-Ġudizzju, dawk l-allat stess)* se jiċħdu l-qima tagħhom, u jkunu kontrihom!
83. Mela ma tarax *(Muħammad)* li Aħna *(qajjimna u)* bgħatna x-xjaten kontra dawk li ċaħdu t-twemmin, u jkesksuhom waħda sew *(biex jidinbu kemm jifilħu)*?
84. Għalhekk la tgħaġġilx kontrihom *(Muħammad, fit-talba tiegħek biex jinqerdu)*, għaliex qegħdin ngħoddulhom l-għadd *(tal-jiem tagħhom f'din id-dinja)*.
85. *(Ftakar, Muħammad)* fil-Jum li niġbru *(fil-Ġenna)* lill-ġusti għal għand Dak li huwa Kollu Ħniena, bħala ġemgħa mweġġħa *(bl-unuri kollha li jistħoqqulha)*,
86. u nsuqu lill-ħatjin lejn l-Infern, bħal bhejjem għatxana *(li jgħaġġlu lejn in-nixxiegħa biex jixorbu)*.
87. *(Il-bnedmin)* ma jkollhomx il-jedd jaqbżu għal *(dawk il-pagani, u lanqas isibu min jaqbeż għalihom)*, ħlief min ikun ħa l-wegħda *(dwar dan)* minghand Dak li huwa Kollu Ħniena.
88. *(Il-Lhud, l-Insara, u l-pagani)* jgħidu: "Dak li huwa Kollu Ħniena ħa għalih wild."
89. Tabilħaqq ħriġtu b'ħaġa tal-biża'!
90. Is-smewwiet għoddhom iċċarrtu bih *(dan il-kliem tal-biża')*, l-art *(waslet biex)* tinqasam, u l-iġbla *(waslu biex)* jiġġarrfu għal kollox,
91. *(minħabba)* li jgħidu li Dak li huwa Kollu Ħniena għandu wild.
92. Mhux xieraq għal Dak li huwa Kollu Ħniena li jieħu wild!
93. Kulmin jinsab fis-smewwiet u fl-art ma jiġix għand Dak li huwa Kollu Ħniena jekk mhux bħala qaddej *(umli tiegħu)*.
94. Huwa jaf kemm huma, u għaddhom sewwa.
95. U kull wieħed minnhom għad jiġih f'Jum il-Qawmien, waħdu *(mingħajr ebda għajnuna)*.

إِنَّ ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ وَعَمِلُواْ ٱلصَّٰلِحَٰتِ سَيَجۡعَلُ لَهُمُ
ٱلرَّحۡمَٰنُ وُدّٗا ﴿96﴾ فَإِنَّمَا يَسَّرۡنَٰهُ بِلِسَانِكَ لِتُبَشِّرَ بِهِ
ٱلۡمُتَّقِينَ وَتُنذِرَ بِهِۦ قَوۡمٗا لُّدّٗا ﴿97﴾ وَكَمۡ أَهۡلَكۡنَا قَبۡلَهُم
مِّن قَرۡنٍ هَلۡ تُحِسُّ مِنۡهُم مِّنۡ أَحَدٍ أَوۡ تَسۡمَعُ لَهُمۡ رِكۡزَۢا ﴿98﴾

سُورَةُ طٰهٰ

بِسۡمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحۡمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

طه ﴿1﴾ مَآ أَنزَلۡنَا عَلَيۡكَ ٱلۡقُرۡءَانَ لِتَشۡقَىٰٓ ﴿2﴾ إِلَّا تَذۡكِرَةٗ
لِّمَن يَخۡشَىٰ ﴿3﴾ تَنزِيلٗا مِّمَّنۡ خَلَقَ ٱلۡأَرۡضَ وَٱلسَّمَٰوَٰتِ ٱلۡعُلَى ﴿4﴾
ٱلرَّحۡمَٰنُ عَلَى ٱلۡعَرۡشِ ٱسۡتَوَىٰ ﴿5﴾ لَهُۥ مَا فِي ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِي
ٱلۡأَرۡضِ وَمَا بَيۡنَهُمَا وَمَا تَحۡتَ ٱلثَّرَىٰ ﴿6﴾ وَإِن تَجۡهَرۡ بِٱلۡقَوۡلِ
فَإِنَّهُۥ يَعۡلَمُ ٱلسِّرَّ وَأَخۡفَى ﴿7﴾ ٱللَّهُ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ لَهُ ٱلۡأَسۡمَآءُ
ٱلۡحُسۡنَىٰ ﴿8﴾ وَهَلۡ أَتَىٰكَ حَدِيثُ مُوسَىٰٓ ﴿9﴾ إِذۡ رَءَا نَارٗا
فَقَالَ لِأَهۡلِهِ ٱمۡكُثُوٓاْ إِنِّيٓ ءَانَسۡتُ نَارٗا لَّعَلِّيٓ ءَاتِيكُم مِّنۡهَا بِقَبَسٍ
أَوۡ أَجِدُ عَلَى ٱلنَّارِ هُدٗى ﴿10﴾ فَلَمَّآ أَتَىٰهَا نُودِيَ يَٰمُوسَىٰٓ ﴿11﴾
إِنِّيٓ أَنَا۠ رَبُّكَ فَٱخۡلَعۡ نَعۡلَيۡكَ إِنَّكَ بِٱلۡوَادِ ٱلۡمُقَدَّسِ طُوٗى ﴿12﴾

الحزب 32

96. Lil dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid, Dak li huwa Kollu Ħniena tabilħaqq se jagħtihom l-imħabba *(tiegħu)*.
97. Tabilħaqq li ħaffifnieh *(dan il-Qoran)* bl-ilsien *(Għarbi)* tiegħek *(Muħammad)*, biex tagħti l-bxara bih lil dawk li jibżgħu minn Alla, u twissi bih lil nies kiefra.
98. Iżda kemm-il ġens *(imkabbar bħalhom)* qridna qabilhom. Intix tara *(issa, Muħammad)* lil xi ħadd minnhom, jew intix tisma' l-iċken ħoss minnhom?

20. *Sūratu Ṭā' Hā'*

(Suret l-Ittri *Ṭā' Hā'* – Niżlet f'Mekka b'135 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Ṭā' Hā'*.
2. Ma niżżilnilekx *(Muħammad)* il-Qoran biex toqgħod tinkedd *(u tbati)*,
3. iżda biex ikun ta' tifkira *(u twissija)* għal min jibża' *(mill-kastig ta' Alla)* -
4. Ktieb imniżżel minn min Ħalaq l-art u s-smewwiet l-għoljin,
5. Dak Kollu Ħniena li ntasab fuq it-Tron *(tas-setgħa divina)*.
6. Tiegħu kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art, dak li hemm bejniethom, u kulma jinsab taħt it-trab *(ta' l-art)*.
7. Jekk titkellem *(Muħammad)* fil-beraħ *(jew le)*, Huwa tabilħaqq jaf il-mistur *(tiegħek u dak li hu)* aktar mohbi *(minn hekk)*.
8. Alla! Ma hemmx alla *(ieħor)* għajru, u tiegħu huma l-isbaħ ismijiet.
9. Waslitlek *(Muħammad)* il-ġrajja ta' Mosè?
10. Meta ra nar u qal lil niesu: "Ibqgħu *(stennew)* hawn! Jiena tassew rajt nar! Għandi mnejn inġibilkom xrara minnu *(u tiħnu biha)*, jew qrib in-nar insib xi tmexxija *(u nsir naf minn fejn għandna ngħaddu għall-Eġittu)*."
11. Meta wasal ħdejh, kien imsejjaħ *(hekk)*: "Mosè!
12. Jiena Sidek! Mela neħħi l-qorq! Inti tabilħaqq tinsab fil-wied imqaddes *(imsejjaħ)* Ṭuwā.

وَأَنَا اخْتَرْتُكَ فَاسْتَمِعْ لِمَا يُوحَىٰ ﴿13﴾ إِنَّنِي أَنَا اللَّهُ لَا إِلَٰهَ إِلَّا أَنَا
فَاعْبُدْنِي وَأَقِمِ الصَّلَاةَ لِذِكْرِي ﴿14﴾ إِنَّ السَّاعَةَ آتِيَةٌ
أَكَادُ أُخْفِيهَا لِتُجْزَىٰ كُلُّ نَفْسٍ بِمَا تَسْعَىٰ ﴿15﴾ فَلَا يَصُدَّنَّكَ
عَنْهَا مَنْ لَا يُؤْمِنُ بِهَا وَاتَّبَعَ هَوَاهُ فَتَرْدَىٰ ﴿16﴾ وَمَا تِلْكَ
بِيَمِينِكَ يَا مُوسَىٰ ﴿17﴾ قَالَ هِيَ عَصَايَ أَتَوَكَّأُ عَلَيْهَا
وَأَهُشُّ بِهَا عَلَىٰ غَنَمِي وَلِيَ فِيهَا مَآرِبُ أُخْرَىٰ ﴿18﴾ قَالَ أَلْقِهَا
يَا مُوسَىٰ ﴿19﴾ فَأَلْقَاهَا فَإِذَا هِيَ حَيَّةٌ تَسْعَىٰ ﴿20﴾ قَالَ خُذْهَا
وَلَا تَخَفْ ۖ سَنُعِيدُهَا سِيرَتَهَا الْأُولَىٰ ﴿21﴾ وَاضْمُمْ يَدَكَ
إِلَىٰ جَنَاحِكَ تَخْرُجْ بَيْضَاءَ مِنْ غَيْرِ سُوءٍ آيَةً أُخْرَىٰ ﴿22﴾ لِنُرِيَكَ
مِنْ آيَاتِنَا الْكُبْرَى ﴿23﴾ اذْهَبْ إِلَىٰ فِرْعَوْنَ إِنَّهُ طَغَىٰ ﴿24﴾ قَالَ
رَبِّ اشْرَحْ لِي صَدْرِي ﴿25﴾ وَيَسِّرْ لِي أَمْرِي ﴿26﴾ وَاحْلُلْ عُقْدَةً مِنْ
لِسَانِي ﴿27﴾ يَفْقَهُوا قَوْلِي ﴿28﴾ وَاجْعَلْ لِي وَزِيرًا مِنْ أَهْلِي ﴿29﴾ هَارُونَ
أَخِي ﴿30﴾ اشْدُدْ بِهِ أَزْرِي ﴿31﴾ وَأَشْرِكْهُ فِي أَمْرِي ﴿32﴾ كَيْ نُسَبِّحَكَ
كَثِيرًا ﴿33﴾ وَنَذْكُرَكَ كَثِيرًا ﴿34﴾ إِنَّكَ كُنْتَ بِنَا بَصِيرًا ﴿35﴾ قَالَ قَدْ
أُوتِيتَ سُؤْلَكَ يَا مُوسَىٰ ﴿36﴾ وَلَقَدْ مَنَنَّا عَلَيْكَ مَرَّةً أُخْرَىٰ ﴿37﴾

13. Jiena għażiltek *(biex tkun Profeta tiegħi)*. Mela isma' dak li jitnebbaħ*(lek)*!
14. Tabilħaqq li Jiena Alla; ma hemmx alla *(ieħor)* għajri! Mela agħtini qima u agħmel it-talb biex tiftakar fija!
15. Tabilħaqq li s-Siegħa ġejja, iżda se naħbiha *(mill-bnedmin)* biex kull ruħ titħallas ta' dak *(it-tajjeb jew il-ħażin)* li tħabrek għalih.
16. Mela *(oqgħod b'seba' għajnejn, Mosè, li)* min ma jemminx fiha *(dik is-Siegħa tal-biża')*, u jimxi wara xewqatu, ma jżommokx *(milli titħejja tajjeb)* għaliha, u tinqered *(għal dejjem bħalu)*!
17. U x'inhu, Mosè, dak li għandek f'idek il-leminija?"
18. Qal *(Mosè)*: "Dak huwa l-ħatar tiegħi li nserraħ fuqu, u bih inqaċċat il-ħaxix għall-merħla tiegħi, barra li jaqdini għal ħwejjeġ oħra."
19. Qal*(lu Alla)*: "Ixħtu *(fl-art)*, Mosè!"
20. U xeħtu. U ara, sar serp jitħarrek sew.
21. Qal*(lu l-Mulej)*: "Aqbdu, u la tibżax! Se nreġġgħuh għalli kien qabel!
22. Agħmel idek *(il-leminija)* taħt abtek *(u tara kif)* toħroġ bajda *(silġ u tiddi)*, mingħajr *(ma tiġrilek ebda)* ħsara; *(dan ikun)* sinjal ieħor *(li juri li inti l-Mibgħut tagħna)*;
23. biex nuruk *(uħud)* mis-sinjali kbar tagħna.
24. Mur għand il-Fargħun! *(Issa)* għamel wisq *(ħażen, u jridha ta' alla)*!"
25. Qal *(Mosè)*: "Sidi, iftaħli qalbi beraħ *(u dawwalha bit-twemmin)*,
26. u haffifli l-ħidma tiegħi *(li qiegħed tqabbadni nidħol għaliha)*,
27. u holl għoqda *(li għandi)* fi lsieni,
28. biex jifhmu kliemi,
29. u agħtini minn *(fost)* niesi lil min jgħinni,
30. lil Aron, ħija,
31. u bih qawwini,
32. u sieħbu fil-ħidma *(tal-profezija u l-missjoni)* tiegħi,
33. biex *(jiena u hu)* insebbħuk bil-bosta,
34. u niftakru fik bil-bosta.
35. Inti tabilħaqq *(dejjem)* tarana *(f'kulma nagħmlu)*!"
36. Qal*(lu l-Mulej)*: "Mosè, it-talb tiegħek *(instema' u)* intlaqa'!
37. Aħna tabilħaqq konna tajniek, darba oħra, mit-tjieba tagħna *(qabel ma ngħatajt il-profezija)*:

إِذْ أَوْحَيْنَآ إِلَىٰٓ أُمِّكَ مَا يُوحَىٰٓ ﴿38﴾ أَنِ ٱقْذِفِيهِ فِى ٱلتَّابُوتِ فَٱقْذِفِيهِ
فِى ٱلْيَمِّ فَلْيُلْقِهِ ٱلْيَمُّ بِٱلسَّاحِلِ يَأْخُذْهُ عَدُوٌّ لِّى وَعَدُوٌّ لَّهُۥ ۚ وَأَلْقَيْتُ
عَلَيْكَ مَحَبَّةً مِّنِّى وَلِتُصْنَعَ عَلَىٰ عَيْنِىٓ ﴿39﴾ إِذْ تَمْشِىٓ أُخْتُكَ
فَتَقُولُ هَلْ أَدُلُّكُمْ عَلَىٰ مَن يَكْفُلُهُۥ ۖ فَرَجَعْنَٰكَ إِلَىٰٓ أُمِّكَ كَىْ تَقَرَّ
عَيْنُهَا وَلَا تَحْزَنَ ۚ وَقَتَلْتَ نَفْسًا فَنَجَّيْنَٰكَ مِنَ ٱلْغَمِّ وَفَتَنَّٰكَ فُتُونًا ۚ
فَلَبِثْتَ سِنِينَ فِىٓ أَهْلِ مَدْيَنَ ثُمَّ جِئْتَ عَلَىٰ قَدَرٍ يَٰمُوسَىٰ ﴿40﴾
وَٱصْطَنَعْتُكَ لِنَفْسِى ﴿41﴾ ٱذْهَبْ أَنتَ وَأَخُوكَ بِـَٔايَٰتِى وَلَا تَنِيَا
فِى ذِكْرِى ﴿42﴾ ٱذْهَبَآ إِلَىٰ فِرْعَوْنَ إِنَّهُۥ طَغَىٰ ﴿43﴾ فَقُولَا لَهُۥ قَوْلًا لَّيِّنًا
لَّعَلَّهُۥ يَتَذَكَّرُ أَوْ يَخْشَىٰ ﴿44﴾ قَالَا رَبَّنَآ إِنَّنَا نَخَافُ أَن يَفْرُطَ عَلَيْنَآ
أَوْ أَن يَطْغَىٰ ﴿45﴾ قَالَ لَا تَخَافَآ ۖ إِنَّنِى مَعَكُمَآ أَسْمَعُ وَأَرَىٰ
﴿46﴾ فَأْتِيَاهُ فَقُولَآ إِنَّا رَسُولَا رَبِّكَ فَأَرْسِلْ مَعَنَا بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ
وَلَا تُعَذِّبْهُمْ ۖ قَدْ جِئْنَٰكَ بِـَٔايَةٍ مِّن رَّبِّكَ ۖ وَٱلسَّلَٰمُ عَلَىٰ مَنِ ٱتَّبَعَ
ٱلْهُدَىٰٓ ﴿47﴾ إِنَّا قَدْ أُوحِىَ إِلَيْنَآ أَنَّ ٱلْعَذَابَ عَلَىٰ مَن كَذَّبَ
وَتَوَلَّىٰ ﴿48﴾ قَالَ فَمَن رَّبُّكُمَا يَٰمُوسَىٰ ﴿49﴾ قَالَ رَبُّنَا ٱلَّذِىٓ أَعْطَىٰ
كُلَّ شَىْءٍ خَلْقَهُۥ ثُمَّ هَدَىٰ ﴿50﴾ قَالَ فَمَا بَالُ ٱلْقُرُونِ ٱلْأُولَىٰ ﴿51﴾

38. meta nebbaħna lil ommok dak li jitnebbaħ *(u għednielha)*:
39. 'Qiegħdu *(lil ibnek Mosè)* fil-kaxxa *(ta' l-injam)* u ixħtu fix-xmara *(Nil)*, u x-xmara titfgħu fuq ix-xatt, u jieħdu għadu tiegħi u għadu tiegħu.' U Jiena xħett fuqek imħabbti biex titrabba taħt għajnejja.
40. Meta ohtok marret u qalet *(lil nies il-Fargħun)*: 'Tridu nurikom min *(jista')* jieħu ħsiebu?' U reġġajniek għand ommok biex hi tieħu r-ruħ *(meta terġa' tarak)* u ma titnikkitx. Imbagħad *(meta tfarfart u sirt żagħżugħ)* inti qtilt bniedem, u ħlisniek mis-saram *(u l-biża' mill-Fargħun)*. U ġarrabniek kemm-il darba, bqajt għal xi snin fost nies Madjan, imbagħad, Mosè, ġejt fil-ħin magħżul minn qabel *(li fih ridna nibagħtuk għand il-Fargħun)*.
41. Jiena għażiltek għalija *(biex tkun il-Profeta tiegħi)*.
42. Mur, inti u ħuk, bis-sinjali tiegħi, u la tonqsux milli tiftakru fija *(u tfaħħruni kif jixraq)*!
43. Morru t-tnejn li intom għand il-Fargħun! Huwa tabilħaqq għamel wisq *(ħażen)*!
44. Kellmuh bil-ħlewwa; għandu mnejn jitwiddeb, jew jibża' *(mill-kastig ta' Alla)*."
45. *(Mosè u Aron)* qalu: "Sidna *(il-Mulej)*, aħna tabilħaqq nibżgħu li *(meta nkellmu lill-Fargħun)* huwa jeħodha kontrina, jew li jġib ruħu ħażin wisq *(magħna)*."
46. Qal*(ilhom)*: "La tibżgħux! Jiena magħkom! Jiena nisma' u nara *(kollox)*!
47. Mela morru għandu u għidulu: 'Aħna tabilħaqq iż-żewġ Mibgħutin ta' Sidek. Ibgħat magħna lil Ulied Israel, u la taħqarhomx! Aħna tassew ġibnielek sinjal minn Sidek *(li juri li qegħdin ngħidu s-sewwa)*, u s-sliem *(u l-ħelsien mill-kastig ta' Alla)* għal min jimxi fit-triq it-tajba!
48. Aħna tassew tnebbaħna li l-kastig *(se jkun)* fuq min giddeb *(is-sinjali u l-Kelma ta' Alla)*, u ta dahru *(u ma tax widen)*.'"
49. Qal*(ilhom il-Fargħun)*: "Mosè, min hu Sidkom intom it-tnejn?"
50. Qal*(lu Mosè)*: "Sidna huwa Dak li jagħti lil kull ħaġa l-għamla tagħha, imbagħad imexxiha *(fit-triq it-tajba)*."
51. Qal*(lu l-Fargħun)*: "U x'ġara mill-ġnus tal-qedem?"

قَالَ عِلْمُهَا عِندَ رَبِّي فِي كِتَٰبٍ ۖ لَّا يَضِلُّ رَبِّي وَلَا يَنسَى ﴿52﴾
ٱلَّذِي جَعَلَ لَكُمُ ٱلْأَرْضَ مَهْدًا وَسَلَكَ لَكُمْ فِيهَا سُبُلًا وَأَنزَلَ
مِنَ ٱلسَّمَآءِ مَآءً فَأَخْرَجْنَا بِهِۦٓ أَزْوَٰجًا مِّن نَّبَاتٍ شَتَّىٰ ﴿53﴾ كُلُوا۟
وَٱرْعَوْا۟ أَنْعَٰمَكُمْ ۗ إِنَّ فِي ذَٰلِكَ لَءَايَٰتٍ لِّأُو۟لِى ٱلنُّهَىٰ ﴿54﴾ ۞ مِنْهَا
خَلَقْنَٰكُمْ وَفِيهَا نُعِيدُكُمْ وَمِنْهَا نُخْرِجُكُمْ تَارَةً أُخْرَىٰ ﴿55﴾ وَلَقَدْ
أَرَيْنَٰهُ ءَايَٰتِنَا كُلَّهَا فَكَذَّبَ وَأَبَىٰ ﴿56﴾ قَالَ أَجِئْتَنَا لِتُخْرِجَنَا
مِنْ أَرْضِنَا بِسِحْرِكَ يَٰمُوسَىٰ ﴿57﴾ فَلَنَأْتِيَنَّكَ بِسِحْرٍ مِّثْلِهِۦ
فَٱجْعَلْ بَيْنَنَا وَبَيْنَكَ مَوْعِدًا لَّا نُخْلِفُهُۥ نَحْنُ وَلَآ أَنتَ مَكَانًا
سُوًى ﴿58﴾ قَالَ مَوْعِدُكُمْ يَوْمُ ٱلزِّينَةِ وَأَن يُحْشَرَ ٱلنَّاسُ ضُحًى
﴿59﴾ فَتَوَلَّىٰ فِرْعَوْنُ فَجَمَعَ كَيْدَهُۥ ثُمَّ أَتَىٰ ﴿60﴾ قَالَ لَهُم
مُّوسَىٰ وَيْلَكُمْ لَا تَفْتَرُوا۟ عَلَى ٱللَّهِ كَذِبًا فَيُسْحِتَكُم بِعَذَابٍ ۖ
وَقَدْ خَابَ مَنِ ٱفْتَرَىٰ ﴿61﴾ فَتَنَٰزَعُوٓا۟ أَمْرَهُم بَيْنَهُمْ وَأَسَرُّوا۟
ٱلنَّجْوَىٰ ﴿62﴾ قَالُوٓا۟ إِنْ هَٰذَٰنِ لَسَٰحِرَٰنِ يُرِيدَانِ أَن يُخْرِجَاكُم
مِّنْ أَرْضِكُم بِسِحْرِهِمَا وَيَذْهَبَا بِطَرِيقَتِكُمُ ٱلْمُثْلَىٰ ﴿63﴾ فَأَجْمِعُوا۟
كَيْدَكُمْ ثُمَّ ٱئْتُوا۟ صَفًّا ۚ وَقَدْ أَفْلَحَ ٱلْيَوْمَ مَنِ ٱسْتَعْلَىٰ ﴿64﴾

ربع الحزب 32

52. Qal*(lu Mosè)*: "L-għarfien dwarhom jinsab għand Sidi, *(u kollox jinsab imniżżel)* fi ktieb. Sidi la jitqarraq u lanqas jinsa.
53. Huwa li għamlilkom l-art bħal friex, li feṫilkom fiha mogħdijiet *(biex tgħaddu minnhom fit-ṫabrik tagħkom u)* niżżel ilma mis-sema." U ħriġna bih għamliet minn bosta xtieli,
54. *(u għedna:)* "Kulu u irgħu l-bhejjem tagħkom! Tabilħaqq li f'dak *(kollu)* hemm sinjali għal nies bil-għaqal.
55. Minnha *(l-art)* ħlaqniekom, fiha nreġġgħukom *(u ssiru trab)*, u minnha noħorġukom darba oħra *(biex tidhru quddiem Alla f'Jum il-Ħaqq)*."
56. Aħna wrejnieh *(lill-Fargħun)* is-sinjali kollha tagħna *(kif qabbadna lil Mosè jurihomlu)*, u hu giddeb *(dawk is-sinjali)* u ma riedx *(jisma' u baqa' jitkabbar)*.
57. Huwa qal *(lil Mosè)*: "Jaqaw, Mosè, inti ġejt fostna biex toħroġna minn artna bis-seħer tiegħek?
58. Tassew li *(nistgħu)* inġibulek seħer bħalu! Mela sejjaħ għal laqgħa f'ħin miftiehem bejnna u bejnek, u la nonqsu milli niġu għaliha, aħna, u lanqas inti, *(u dan ikun)* fi mkien miftiehem."
59. Qal*(lu Mosè)*: "Il-laqgħa tagħkom tkun f'Jum il-festa, u ara li n-nies jinġabru filgħodu."
60. *(Il-Fargħun)* ta dahru, fassal in-nasba tiegħu, imbagħad ġie lura.
61. Mosè qalilhom: "Ħażin għalikom! La taqilgħux il-gideb dwar Alla, għaliex *(inkella)* jeqridkom b'kastig *(mill-agħar)*. Joħroġ tellief dak li jaqla' l-gideb!"
62. U ħaqquha bejniethom dwar din il-kwistjoni, u żammu kollox mistur.
63. Qalu: "Tabilħaqq li dawn it-tnejn *(Mosè u Aron)* huma żewġ sħaħar li jridu joħorġukom minn artkom bis-seħer tagħhom, u jxejnu l-għamla ta' ħajja mill-aħjar tagħkom.
64. Għalhekk ftiehmu dwar in-nasba tagħkom, imbagħad ejjew *(ilkoll flimkien)*, saff wieħed. Illum jirbaħ dak li jkun minn fuq *(u tgħaddi tiegħu)*."

قَالُوا۟ يَٰمُوسَىٰٓ إِمَّآ أَن تُلْقِىَ وَإِمَّآ أَن نَّكُونَ أَوَّلَ مَنْ أَلْقَىٰ ﴿65﴾ قَالَ
بَلْ أَلْقُوا۟ ۖ فَإِذَا حِبَالُهُمْ وَعِصِيُّهُمْ يُخَيَّلُ إِلَيْهِ مِن سِحْرِهِمْ أَنَّهَا تَسْعَىٰ
﴿66﴾ فَأَوْجَسَ فِى نَفْسِهِۦ خِيفَةً مُّوسَىٰ ﴿67﴾ قُلْنَا لَا تَخَفْ إِنَّكَ
أَنتَ ٱلْأَعْلَىٰ ﴿68﴾ وَأَلْقِ مَا فِى يَمِينِكَ تَلْقَفْ مَا صَنَعُوٓا۟ ۖ إِنَّمَا صَنَعُوا۟
كَيْدُ سَٰحِرٍ ۖ وَلَا يُفْلِحُ ٱلسَّاحِرُ حَيْثُ أَتَىٰ ﴿69﴾ فَأُلْقِىَ ٱلسَّحَرَةُ سُجَّدًا
قَالُوٓا۟ ءَامَنَّا بِرَبِّ هَٰرُونَ وَمُوسَىٰ ﴿70﴾ قَالَ ءَامَنتُمْ لَهُۥ قَبْلَ أَنْ ءَاذَنَ
لَكُمْ ۖ إِنَّهُۥ لَكَبِيرُكُمُ ٱلَّذِى عَلَّمَكُمُ ٱلسِّحْرَ ۖ فَلَأُقَطِّعَنَّ أَيْدِيَكُمْ
وَأَرْجُلَكُم مِّنْ خِلَٰفٍ وَلَأُصَلِّبَنَّكُمْ فِى جُذُوعِ ٱلنَّخْلِ وَلَتَعْلَمُنَّ
أَيُّنَآ أَشَدُّ عَذَابًا وَأَبْقَىٰ ﴿71﴾ قَالُوا۟ لَن نُّؤْثِرَكَ عَلَىٰ مَا جَآءَنَا مِنَ
ٱلْبَيِّنَٰتِ وَٱلَّذِى فَطَرَنَا ۖ فَٱقْضِ مَآ أَنتَ قَاضٍ ۖ إِنَّمَا تَقْضِى هَٰذِهِ
ٱلْحَيَوٰةَ ٱلدُّنْيَآ ﴿72﴾ إِنَّآ ءَامَنَّا بِرَبِّنَا لِيَغْفِرَ لَنَا خَطَٰيَٰنَا وَمَآ أَكْرَهْتَنَا
عَلَيْهِ مِنَ ٱلسِّحْرِ ۗ وَٱللَّهُ خَيْرٌ وَأَبْقَىٰٓ ﴿73﴾ إِنَّهُۥ مَن يَأْتِ رَبَّهُۥ مُجْرِمًا
فَإِنَّ لَهُۥ جَهَنَّمَ لَا يَمُوتُ فِيهَا وَلَا يَحْيَىٰ ﴿74﴾ وَمَن يَأْتِهِۦ مُؤْمِنًا قَدْ
عَمِلَ ٱلصَّٰلِحَٰتِ فَأُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمُ ٱلدَّرَجَٰتُ ٱلْعُلَىٰ ﴿75﴾ جَنَّٰتُ عَدْنٍ
تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ خَٰلِدِينَ فِيهَا ۚ وَذَٰلِكَ جَزَٰٓؤُا۟ مَن تَزَكَّىٰ ﴿76﴾

65. Qalu *(is-sħaħar)*: "Mosè, jew tixħet *(inti l-ħatar tiegħek, l-ewwel)*, jew inkella nkunu aħna l-ewwel li nixħtu."
66. Qal*(ilhom)*: "Le, ixħtu intom *(l-ewwel)*!" U ara, il-ħbula u l-bsaten tagħhom dehrulu qegħdin jitħarrku bis-seħer tagħhom.
67. Għalhekk Mosè bħal ħass xi biża' fih innifsu.
68. Għednie*(lu)*: "La tibżax! Tabilħaqq se tkun minn fuq!
69. Ixħet dak li għandek f'lemintek! *(Dan)* se jibla' dak li għamlu *(bis-seħer tagħhom)*. Kulma għamlu kien biss qerq ta' saħħar, u s-saħħar ma joħroġx rebbieħ *(fil-ħajja)*, imur fejn imur."
70. *(Imbagħad Mosè xeħet il-ħatar tiegħu, u dan sar serp kbir li dar għas-sriep tas-sħaħar Eġizzjani u kielhom.)* Għalhekk is-sħaħar ġew mixħutin fl-art, jagħtu qima, u qalu: "Nemmnu f'Sid Aron u Mosè!"
71. Qal*(ilhom il-Fargħun)*: "Emmintu fih qabel ma tajtkom permess jien? Huwa tabilħaqq il-kbir tagħkom li għallimkom is-seħer *(u kontu miftehmin miegħu biex taħtfu s-saltna f'idejkom)*! Tassew li naqtagħlkom idejkom u riġlejkom, id ta' naħa u riġel ta' naħa oħra, imbagħad insallabkom maz-zkuk tas-siġar tal-palm, u tassew tkunu tafu min minna jagħti kastig aktar qalil u li jdum l-aktar!"
72. Qalu*(lu)*: "M'aħniex se nippreferuk mis-sinjali ċ-ċari li ġewna, u minn Dak li ħalaqna! Għalhekk aqtagħha kif trid *(dwarna, iżda kun af li)* inti tkun tista' biss taqtagħha f'din il-ħajja ta' *(din)* id-dinja!
73. Aħna tassew nemmnu f'Sidna, biex jaħfrilna ħtijietna u s-seħer li ġegħeltna nagħmlu. Alla huwa l-Aħjar, u l-aktar li jdum."
74. Tabilħaqq li min jiġi ħati quddiem Sidu, għalih hemm l-Infern. Fih, la jmut u lanqas jgħix *(ħajja tajba)*.
75. Iżda min jiġi quddiemu bit-twemmin, u *(f'ħajtu)* ikun għamel il-ġid, *(nies bħal)* dawk jinsabu fil-gradi l-għolja *(tal-Ġenna, fl-għamajjar fejn isibu)*
76. il-Ġonna ta' l-Għeden bix-xmajjar jiġru taħthom; fihom jgħammru għal dejjem. Dak ikun il-ħlas ta' min issaffa *(mit-tingis tad-dnub)*.

وَلَقَدْ أَوْحَيْنَآ إِلَىٰ مُوسَىٰٓ أَنْ أَسْرِ بِعِبَادِى فَٱضْرِبْ لَهُمْ طَرِيقًا
فِى ٱلْبَحْرِ يَبَسًا لَّا تَخَٰفُ دَرَكًا وَلَا تَخْشَىٰ ﴿77﴾ فَأَتْبَعَهُمْ فِرْعَوْنُ
بِجُنُودِهِۦ فَغَشِيَهُم مِّنَ ٱلْيَمِّ مَا غَشِيَهُمْ ﴿78﴾ وَأَضَلَّ فِرْعَوْنُ قَوْمَهُۥ
وَمَا هَدَىٰ ﴿79﴾ يَٰبَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ قَدْ أَنجَيْنَٰكُم مِّنْ عَدُوِّكُمْ وَوَٰعَدْنَٰكُمْ
جَانِبَ ٱلطُّورِ ٱلْأَيْمَنَ وَنَزَّلْنَا عَلَيْكُمُ ٱلْمَنَّ وَٱلسَّلْوَىٰ ﴿80﴾ كُلُوا۟
مِن طَيِّبَٰتِ مَا رَزَقْنَٰكُمْ وَلَا تَطْغَوْا۟ فِيهِ فَيَحِلَّ عَلَيْكُمْ غَضَبِى ۖ
وَمَن يَحْلِلْ عَلَيْهِ غَضَبِى فَقَدْ هَوَىٰ ﴿81﴾ وَإِنِّى لَغَفَّارٌ لِّمَن تَابَ
وَءَامَنَ وَعَمِلَ صَٰلِحًا ثُمَّ ٱهْتَدَىٰ ﴿82﴾ ۞ وَمَآ أَعْجَلَكَ عَن
قَوْمِكَ يَٰمُوسَىٰ ﴿83﴾ قَالَ هُمْ أُو۟لَآءِ عَلَىٰٓ أَثَرِى وَعَجِلْتُ إِلَيْكَ
رَبِّ لِتَرْضَىٰ ﴿84﴾ قَالَ فَإِنَّا قَدْ فَتَنَّا قَوْمَكَ مِنۢ بَعْدِكَ وَأَضَلَّهُمُ
ٱلسَّامِرِىُّ ﴿85﴾ فَرَجَعَ مُوسَىٰٓ إِلَىٰ قَوْمِهِۦ غَضْبَٰنَ أَسِفًا ۚ قَالَ
يَٰقَوْمِ أَلَمْ يَعِدْكُمْ رَبُّكُمْ وَعْدًا حَسَنًا ۚ أَفَطَالَ عَلَيْكُمُ
ٱلْعَهْدُ أَمْ أَرَدتُّمْ أَن يَحِلَّ عَلَيْكُمْ غَضَبٌ مِّن رَّبِّكُمْ فَأَخْلَفْتُم
مَّوْعِدِى ﴿86﴾ قَالُوا۟ مَآ أَخْلَفْنَا مَوْعِدَكَ بِمَلْكِنَا وَلَٰكِنَّا حُمِّلْنَآ
أَوْزَارًا مِّن زِينَةِ ٱلْقَوْمِ فَقَذَفْنَٰهَا فَكَذَٰلِكَ أَلْقَى ٱلسَّامِرِىُّ ﴿87﴾

نصف الحزب 32

77. Aħna tassew nebbaħna lil Mosè *(u għednielu)*: "Terraq billejl mal-qaddejja tiegħi, u iftħilhom triq niexfa fil-baħar. La tibżax li jilħqek *(il-Fargħun)*, u lanqas tibża' *(mill-għarqa)*."

78. U l-Fargħun mar għal warajhom bil-qawwiet tiegħu, u l-baħar għattiehom għal kollox *(u għerriqhom)*.

79. Il-Fargħun tellef it-triq lil niesu, u ma mexxihomx sewwa.

80. Ja Wlied Israel, *(ftakru li)* tassew ħlisniekom mill-għadu tagħkom, għamilna wegħda magħkom mal-ġenb tal-lemin tal-muntanja *(fis-Sinaj u tajna t-Torā lil Mosè)*, u niżżilnielkom il-manna u s-summien.

81. *(Għednielkom)*: "Kulu mill-ħwejjeġ tajba li tajniekom għall-għajxien tagħkom, u f'dan la taqbżux il-limiti *(ta' Alla)*, hekk li jkun jistħoqqilkom l-għadab tiegħi. U min ikun jistħoqqlu l-għadab tiegħi, huwa mitluf!

82. U Jiena tabilħaqq dejjem naħfer lil min jindem, jemmen, jagħmel il-ġid, u mbagħad jimxi fit-triq it-tajba."

83. *(Alla kellem lil Mosè fuq il-muntanja u qallu:)* "Mosè, x'kien li għaġġlek *(u ġejt)* qabel niesek?"

84. Qal *(Mosè)*: "Dawn ġejjin għal warajja, u għaġġilt lejk, Sidi, biex tithenna *(b'għemili)*."

85. Qal*(lu Alla)*: "Aħna tassew ġarrabna lil niesek *(wara li inti tlajt fuq il-muntanja u ħallejthom)* warajk, u s-Sāmirī tellifhom it-triq *(meta ħajjarhom iqimu lill-għoġol)*."

86. Għalhekk Mosè reġa' lura għand niesu, mgħaddab *(għalihom u fl-istess ħin)* imnikket. Qal*(ilhom)*: "Ja niesi, mela Sidkom ma wegħedkomx wegħda tajba *(li jagħtikom it-Torā biex timxu fuqha)*? Jaqaw għadda żmien twil minn fuqkom *(u nsejtu l-patt)*, jew ridtu li jinżel fuqkom għadab minn Sidkom u ksirtu l-wegħda miegħi *(li tibqgħu fit-triq ta' Alla)*?"

87. Qalu: "Aħna ma ksirniex il-wegħda miegħek bir-rieda tagħna, iżda konna mġieghla ngorru toqol fuq toqol *(ta' deheb u fidda)* miż-żîna tan-nies *(tal-fargħun)* u xħetniehom *(fin-nar)*, u hekk ukoll qal is-Sāmirī li għandu jsir."

فَأَخْرَجَ لَهُمْ عِجْلًا جَسَدًا لَّهُۥ خُوَارٌ فَقَالُوا۟ هَٰذَآ إِلَٰهُكُمْ
وَإِلَٰهُ مُوسَىٰ فَنَسِىَ ﴿88﴾ أَفَلَا يَرَوْنَ أَلَّا يَرْجِعُ إِلَيْهِمْ قَوْلًا وَلَا
يَمْلِكُ لَهُمْ ضَرًّا وَلَا نَفْعًا ﴿89﴾ وَلَقَدْ قَالَ لَهُمْ هَٰرُونُ مِن قَبْلُ
يَٰقَوْمِ إِنَّمَا فُتِنتُم بِهِۦ ۖ وَإِنَّ رَبَّكُمُ ٱلرَّحْمَٰنُ فَٱتَّبِعُونِى وَأَطِيعُوٓا۟
أَمْرِى ﴿90﴾ قَالُوا۟ لَن نَّبْرَحَ عَلَيْهِ عَٰكِفِينَ حَتَّىٰ يَرْجِعَ إِلَيْنَا مُوسَىٰ
﴿91﴾ قَالَ يَٰهَٰرُونُ مَا مَنَعَكَ إِذْ رَأَيْتَهُمْ ضَلُّوٓا۟ ﴿92﴾ أَلَّا تَتَّبِعَنِ ۖ
أَفَعَصَيْتَ أَمْرِى ﴿93﴾ قَالَ يَبْنَؤُمَّ لَا تَأْخُذْ بِلِحْيَتِى وَلَا بِرَأْسِىٓ ۖ
إِنِّى خَشِيتُ أَن تَقُولَ فَرَّقْتَ بَيْنَ بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ وَلَمْ تَرْقُبْ
قَوْلِى ﴿94﴾ قَالَ فَمَا خَطْبُكَ يَٰسَٰمِرِىُّ ﴿95﴾ قَالَ بَصُرْتُ
بِمَا لَمْ يَبْصُرُوا۟ بِهِۦ فَقَبَضْتُ قَبْضَةً مِّنْ أَثَرِ ٱلرَّسُولِ
فَنَبَذْتُهَا وَكَذَٰلِكَ سَوَّلَتْ لِى نَفْسِى ﴿96﴾ قَالَ
فَٱذْهَبْ فَإِنَّ لَكَ فِى ٱلْحَيَوٰةِ أَن تَقُولَ لَا مِسَاسَ ۖ وَإِنَّ لَكَ
مَوْعِدًا لَّن تُخْلَفَهُۥ ۖ وَٱنظُرْ إِلَىٰٓ إِلَٰهِكَ ٱلَّذِى ظَلْتَ عَلَيْهِ
عَاكِفًا ۖ لَّنُحَرِّقَنَّهُۥ ثُمَّ لَنَنسِفَنَّهُۥ فِى ٱلْيَمِّ نَسْفًا ﴿97﴾ إِنَّمَآ
إِلَٰهُكُمُ ٱللَّهُ ٱلَّذِى لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ ۚ وَسِعَ كُلَّ شَىْءٍ عِلْمًا ﴿98﴾

88. *(Min-nar)* ħarġilhom xbieha ta' għoġol, li kien jgħajjat *(meta jgħaddi r-riħ minnu)*, u qalu: "Dan huwa l-alla tagħkom, u l-alla ta' Mosè, iżda *(Mosè)* nesa *(lil dan alla tiegħu, u mar ifittxu fuq il-muntanja)*."

89. Mela ma rawx li *(dan l-għoġol)* ma kellimhomx *(meta sejħulu)*, u la seta' jkunilhom la ta' ħsara u lanqas ta' fejda?

90. Aron kien tassew diġà qalilhom, qabel *(ma Mosè reġa' lura fosthom, u wissiehom)*: "Ja niesi, intom qegħdin biss tiġġarrbu bih *(dan l-għoġol)*. Iżda tabilħaqq li Sidkom huwa Dak Kollu Ħniena, u għalhekk imxu warajja u oqogħdu għall-amar tiegħi!"

91. Qalu*(lu)*: "M'aħniex se nieqfu nqimu *(lill-għoġol)*, sa ma jerġa' lura għandna Mosè *(u mbagħad naraw x'nagħmlu)*."

92. Qal *(Mosè)*: "Aron, x'żammek, meta rajthom mitlufin,

93. milli timxi warajja *(u tagħdab għalihom, bħali)*? Jaqaw mort kontra l-amar tiegħi?"

94. Qal*(lu Aron)*: "Ja bin ommi, la taqbadnix mid-daqna u lanqas minn *(xagħar)* raŝi *(fl-għadab tiegħek)*. Jiena tassew bżajt li *(jekk inkellimhom, jinqala' xi għawġ fost niesna, u mbagħad kont tixlini u)* tgħid: 'Inti ġibt firda fost Ulied Israel, u ma stennejtx l-amar tiegħi!'"

95. Qal *(Mosè)*: "X'inhi din tiegħek, ja Sāmirī?"

96. Qal *(is-Sāmirī)*: "Jiena rajt dak li *(niesek)* ma rawx *(lill-anġlu Gabrijel riekeb id-debba tal-ħajja)*, u għalhekk qbadt qabda *(trab)* mill-marka tal-pass tal-Mibgħut *(Gabrijel)* u tfajtu *(fuq l-għoġol, u dan beda jgħajjat)*. Hekk ħajritni qalbi *(li għandi nagħmel)*!"

97. Qal*(lu Mosè)*: "Mela itlaq! Tabilħaqq li *(minn issa 'l quddiem)* f'*(din)* il-ħajja jeħtieġlek tgħid: 'Ħadd ma jmiss*(ni)*, u ma mmiss lil ħadd!' Tassew li għandek ħin imwiegħed *(Jum il-Qawmien)* li żgur m'intix se titlef. U *(issa)* ħares lejn l-alla tiegħek li bqajt tqimu *(sa l-aħħar)*: aħna tabilħaqq naħarquh, u mbagħad tassew inxerrduh għal kollox *(bħala rmied)* fil-baħar!"

98. Tabilħaqq li Alla tagħkom huwa biss *Allāh*! Ma hemmx alla *(ieħor)* għajru! Huwa jiġbor kollox fl-għerf *(divin tiegħu, u ma jaqbiżlu xejn)*!

كَذَٰلِكَ نَقُصُّ عَلَيْكَ مِنْ أَنۢبَآءِ مَا قَدْ سَبَقَ ۚ وَقَدْ ءَاتَيْنَٰكَ مِن لَّدُنَّا
ذِكْرًا ﴿99﴾ مَّنْ أَعْرَضَ عَنْهُ فَإِنَّهُۥ يَحْمِلُ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ وِزْرًا
﴿100﴾ خَٰلِدِينَ فِيهِ ۖ وَسَآءَ لَهُمْ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ حِمْلًا ﴿101﴾ يَوْمَ يُنفَخُ
فِى ٱلصُّورِ ۚ وَنَحْشُرُ ٱلْمُجْرِمِينَ يَوْمَئِذٍ زُرْقًا ﴿102﴾ يَتَخَٰفَتُونَ
بَيْنَهُمْ إِن لَّبِثْتُمْ إِلَّا عَشْرًا ﴿103﴾ نَّحْنُ أَعْلَمُ بِمَا يَقُولُونَ إِذْ يَقُولُ
أَمْثَلُهُمْ طَرِيقَةً إِن لَّبِثْتُمْ إِلَّا يَوْمًا ﴿104﴾ وَيَسْـَٔلُونَكَ عَنِ ٱلْجِبَالِ
فَقُلْ يَنسِفُهَا رَبِّى نَسْفًا ﴿105﴾ فَيَذَرُهَا قَاعًا صَفْصَفًا ﴿106﴾
لَّا تَرَىٰ فِيهَا عِوَجًا وَلَآ أَمْتًا ﴿107﴾ يَوْمَئِذٍ يَتَّبِعُونَ ٱلدَّاعِىَ
لَا عِوَجَ لَهُۥ ۖ وَخَشَعَتِ ٱلْأَصْوَاتُ لِلرَّحْمَٰنِ فَلَا تَسْمَعُ إِلَّا هَمْسًا
﴿108﴾ يَوْمَئِذٍ لَّا تَنفَعُ ٱلشَّفَٰعَةُ إِلَّا مَنْ أَذِنَ لَهُ ٱلرَّحْمَٰنُ وَرَضِىَ لَهُۥ
قَوْلًا ﴿109﴾ يَعْلَمُ مَا بَيْنَ أَيْدِيهِمْ وَمَا خَلْفَهُمْ وَلَا يُحِيطُونَ بِهِۦ
عِلْمًا ﴿110﴾ ۞ وَعَنَتِ ٱلْوُجُوهُ لِلْحَىِّ ٱلْقَيُّومِ ۖ وَقَدْ خَابَ مَنْ
حَمَلَ ظُلْمًا ﴿111﴾ وَمَن يَعْمَلْ مِنَ ٱلصَّٰلِحَٰتِ وَهُوَ مُؤْمِنٌ فَلَا
يَخَافُ ظُلْمًا وَلَا هَضْمًا ﴿112﴾ وَكَذَٰلِكَ أَنزَلْنَٰهُ قُرْءَانًا عَرَبِيًّا
وَصَرَّفْنَا فِيهِ مِنَ ٱلْوَعِيدِ لَعَلَّهُمْ يَتَّقُونَ أَوْ يُحْدِثُ لَهُمْ ذِكْرًا ﴿113﴾

ثلاثة أرباع الحزب 32

99. Hekk ngħidulek uħud mill-ġrajjiet ta' dak li għadda qabel, u tassew tajniek tifkira u bxara minghandna *(li hija l-Qoran)*.

100. Min jagħtiha l-ġenb, tassew li f'Jum il-Qawmien se jġorr toqol *(tad-dnub tal-biża')*,

101. u jibqgħu fiha *(din il-qagħda)* għal dejjem. Ħażin ikun għalihom *(dak)* it-toqol f'Jum il-Qawmien,

102. fil-Jum li tindaqq it-trumbetta. U niġbru l-ħatjin, dakinhar, *(u għajnejhom isiru)* żoroq *(bil-biża')*.

103. Huma jitkellmu bejniethom minn taħt l-ilsien *(u jgħidu)*: "*(Fid-dinja)* ma domtux aktar minn għaxart *(ijiem)*!"

104. Aħna nafu l-aktar dwar dak li jgħidu *(bejniethom)*, meta l-aħjar wieħed fosthom fl-imġiba *(u fl-għerf)* jgħid: "Ma domtux aktar minn jum!"

105. Jistaqsuk *(Muħammad)* dwar l-iġbla. Għidilhom: "Sidi *(il-Mulej)* iqaċċathom għal kollox u jxerridhom bħat-trab.

106. U jħallihom bħal qiegħ, wiċa *(fejn xejn ma jikber)*,

107. u ma tara xejn mgħawweġ jew imħaddeb fiha *(l-art, iżda tara biss art wieħja għall-aħħar)*."

108. Dakinhar jimxu wara *(l-anġlu Isrāfīl)* li jsejjaħ *(l-erwieħ. Huwa jsejħilhom jinġabru fil-post tal-Ġudizzju, u l-erwieħ jgħaġġlu lejh)*, mingħajr ebda tagħwiġ *(u bla ma joħorġu mit-triq)*. U l-ilħna *(jisktu)* u joqogħdu għal Dak li huwa Kollu Ħniena, u ma tismax ħlief ħaxwix *(ta' passi ta' l-erwieħ li jkunu għadhom qegħdin jaslu)*.

109. Dakinhar ma tiswiex l-intercessjoni, ħlief għal min ikollu l-permess ta' Dak li huwa Kollu Ħniena, u li jkun jogħġbu fi kliemu.

110. *(Alla)* jaf b'dak li *(il-ħlejjaq tiegħu)* għandhom quddiemhom u warajhom, iżda huma ma għandhomx għarfien dwaru.

111. L-uċuħ *(kollha)* jitbaxxew *(b'umiltà)* quddiem il-Ħaj, Dak li jżomm minnu nnifsu għal dejjem. U tassew joħroġ tellief u jarralu min iġorr il-ħażen.

112. Iżda min jagħmel għemejjel tajba u jemmen, ma jibża' minn ebda inġustizzja jew tnaqqis *(fil-ħlas li għandu jieħu)*.

113. Hekk niżżilnieh *(Muħammad, dan il-Ktieb biex ikun)* Qoran Għarbi, u fih fissirna biċ-ċar ftit mit-theddid *(u mit-twiddib tagħna)*, biex forsi jibżgħu minn Alla jew *(għandu mnejn li dan il-Qoran)* iġib fihom tifkira *(ta' kif għandhom jgħixu ta' Misilmin)*.

فَتَعَٰلَى ٱللَّهُ ٱلْمَلِكُ ٱلْحَقُّ ۗ وَلَا تَعْجَلْ بِٱلْقُرْءَانِ مِن قَبْلِ أَن
يُقْضَىٰٓ إِلَيْكَ وَحْيُهُۥ ۖ وَقُل رَّبِّ زِدْنِى عِلْمًا ﴿114﴾ وَلَقَدْ عَهِدْنَآ
إِلَىٰٓ ءَادَمَ مِن قَبْلُ فَنَسِىَ وَلَمْ نَجِدْ لَهُۥ عَزْمًا ﴿115﴾ وَإِذْ قُلْنَا
لِلْمَلَٰٓئِكَةِ ٱسْجُدُوا۟ لِءَادَمَ فَسَجَدُوٓا۟ إِلَّآ إِبْلِيسَ أَبَىٰ
﴿116﴾ فَقُلْنَا يَٰٓـَٔادَمُ إِنَّ هَٰذَا عَدُوٌّ لَّكَ وَلِزَوْجِكَ فَلَا يُخْرِجَنَّكُمَا
مِنَ ٱلْجَنَّةِ فَتَشْقَىٰٓ ﴿117﴾ إِنَّ لَكَ أَلَّا تَجُوعَ فِيهَا وَلَا تَعْرَىٰ ﴿118﴾
وَأَنَّكَ لَا تَظْمَؤُا۟ فِيهَا وَلَا تَضْحَىٰ ﴿119﴾ فَوَسْوَسَ إِلَيْهِ
ٱلشَّيْطَٰنُ قَالَ يَٰٓـَٔادَمُ هَلْ أَدُلُّكَ عَلَىٰ شَجَرَةِ ٱلْخُلْدِ وَمُلْكٍ
لَّا يَبْلَىٰ ﴿120﴾ فَأَكَلَا مِنْهَا فَبَدَتْ لَهُمَا سَوْءَٰتُهُمَا وَطَفِقَا
يَخْصِفَانِ عَلَيْهِمَا مِن وَرَقِ ٱلْجَنَّةِ ۚ وَعَصَىٰٓ ءَادَمُ رَبَّهُۥ فَغَوَىٰ ﴿121﴾
ثُمَّ ٱجْتَبَٰهُ رَبُّهُۥ فَتَابَ عَلَيْهِ وَهَدَىٰ ﴿122﴾ قَالَ ٱهْبِطَا مِنْهَا
جَمِيعًۢا ۖ بَعْضُكُمْ لِبَعْضٍ عَدُوٌّ ۖ فَإِمَّا يَأْتِيَنَّكُم مِّنِّى هُدًى
فَمَنِ ٱتَّبَعَ هُدَاىَ فَلَا يَضِلُّ وَلَا يَشْقَىٰ ﴿123﴾ وَمَنْ أَعْرَضَ عَن
ذِكْرِى فَإِنَّ لَهُۥ مَعِيشَةً ضَنكًا وَنَحْشُرُهُۥ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ
أَعْمَىٰ ﴿124﴾ قَالَ رَبِّ لِمَ حَشَرْتَنِىٓ أَعْمَىٰ وَقَدْ كُنتُ بَصِيرًا ﴿125﴾

114. Għoli wisq Alla, is-Sultan, il-Ħaqq! U tgħaġġilx *(Muħammad)* bil-Qoran *(meta l-anġlu Gabrijel ikun għadu qiegħed jaqralek minnu! Taqbadx taqra miegħu)* qabel ma tintemm ir-rivelazzjoni tiegħu lilek, u għid: "Sidi *(il-Mulej)*, żidni fl-għarfien."

115. Tassew dħalna f'rabta ma' Adam, qabel, *(meta wissejnieh biex ma jersaqx lejn is-siġra)* iżda huwa nesa, u ma sibniex fih rieda qawwija.

116. *(Ftakar, Muħammad)* meta għedna lill-anġli: "Inxteħtu fl-art *(u sellmu)* lil Adam!" U huma nxteħtu, ħlief Iblīs, *(għaliex)* ma riedx.

117. U għedna: "Adam, dan *(Iblīs)* tassew għadu tiegħek u ta' martek, u għalhekk ara li ma joħroġkomx mill-Ġenna, u *(mbagħad żgur)* titgħakkes!

118. Tabilħaqq li *(fil-Ġenna)* għandek *(ġid biżżejjed)* biex fiha la tkun bil-ġuħ u lanqas għeri,

119. u la tkun bil-għatx fiha, u lanqas tkiddek ix-xemx."

120. Iżda x-Xitan fesfislu u qal*(lu)*: "Adam, tridni nurik fejn tinsab is-siġra *(li tagħti lil min jiekol minnha s-setgħa)* tal-ħajja ta' dejjem, u *(jkollok)* saltna bla tmiem?"

121. Huma t-tnejn *(Adam u Eva)* kielu minnha, u dehritilhom l-għera tagħhom. U bdew iħitu fuqhom xi weraq tal-Ġnien *(biex jitgħattew bihom)*. Adam m'obdiex lil Sidu *(il-Mulej)* u ntilef.

122. Imbagħad *(Adam nidem u)* Sidu għażlu u dar lejh *(bil-maħfra)* u mexxieh *(fit-triq it-tajba)*.

123. *(Alla)* qal *(lil Adam u lil Eva)*: "Inżlu minnha *(il-Ġenna)* it-tnejn li intom, *(u l-bnedmin li jitnisslu minnkom ikunu)* għedewwa ta' xulxin. Jekk tiġikom tmexxija tajba mingħandi, min jimxi fuq it-tmexxija tiegħi la jintilef u lanqas jitgħakkes.

124. U min jagħti l-ġenb lit-tifkira tiegħi, tabilħaqq li jkollu għajxien magħkus, u agħma nqajmuh mill-imwiet f'Jum il-Qawmien."

125. Huwa jgħid: "Sidi *(il-Mulej)*, għaliex qajjimtni mill-imwiet agħma, meta *(qabel)* kont nara?"

قَالَ كَذَٰلِكَ أَتَتْكَ ءَايَٰتُنَا فَنَسِيتَهَا ۖ وَكَذَٰلِكَ ٱلْيَوْمَ تُنسَىٰ ﴿126﴾ وَكَذَٰلِكَ
نَجْزِى مَنْ أَسْرَفَ وَلَمْ يُؤْمِنۢ بِـَٔايَٰتِ رَبِّهِۦ ۚ وَلَعَذَابُ ٱلْءَاخِرَةِ أَشَدُّ
وَأَبْقَىٰٓ ﴿127﴾ أَفَلَمْ يَهْدِ لَهُمْ كَمْ أَهْلَكْنَا قَبْلَهُم مِّنَ ٱلْقُرُونِ يَمْشُونَ
فِى مَسَٰكِنِهِمْ ۗ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَٰتٍ لِّأُو۟لِى ٱلنُّهَىٰ ﴿128﴾ وَلَوْلَا كَلِمَةٌ
سَبَقَتْ مِن رَّبِّكَ لَكَانَ لِزَامًا وَأَجَلٌ مُّسَمًّى ﴿129﴾ فَٱصْبِرْ عَلَىٰ
مَا يَقُولُونَ وَسَبِّحْ بِحَمْدِ رَبِّكَ قَبْلَ طُلُوعِ ٱلشَّمْسِ وَقَبْلَ غُرُوبِهَا ۖ
وَمِنْ ءَانَآئِ ٱلَّيْلِ فَسَبِّحْ وَأَطْرَافَ ٱلنَّهَارِ لَعَلَّكَ تَرْضَىٰ ﴿130﴾ وَلَا
تَمُدَّنَّ عَيْنَيْكَ إِلَىٰ مَا مَتَّعْنَا بِهِۦٓ أَزْوَٰجًا مِّنْهُمْ زَهْرَةَ ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا
لِنَفْتِنَهُمْ فِيهِ ۚ وَرِزْقُ رَبِّكَ خَيْرٌ وَأَبْقَىٰ ﴿131﴾ وَأْمُرْ أَهْلَكَ بِٱلصَّلَوٰةِ
وَٱصْطَبِرْ عَلَيْهَا ۖ لَا نَسْـَٔلُكَ رِزْقًا ۖ نَّحْنُ نَرْزُقُكَ ۗ وَٱلْعَٰقِبَةُ لِلتَّقْوَىٰ
﴿132﴾ وَقَالُوا۟ لَوْلَا يَأْتِينَا بِـَٔايَةٍ مِّن رَّبِّهِۦٓ ۚ أَوَلَمْ تَأْتِهِم بَيِّنَةُ مَا فِى
ٱلصُّحُفِ ٱلْأُولَىٰ ﴿133﴾ وَلَوْ أَنَّآ أَهْلَكْنَٰهُم بِعَذَابٍ مِّن قَبْلِهِۦ
لَقَالُوا۟ رَبَّنَا لَوْلَآ أَرْسَلْتَ إِلَيْنَا رَسُولًا فَنَتَّبِعَ ءَايَٰتِكَ مِن
قَبْلِ أَن نَّذِلَّ وَنَخْزَىٰ ﴿134﴾ قُلْ كُلٌّ مُّتَرَبِّصٌ فَتَرَبَّصُوا۟ ۖ
فَسَتَعْلَمُونَ مَنْ أَصْحَٰبُ ٱلصِّرَٰطِ ٱلسَّوِىِّ وَمَنِ ٱهْتَدَىٰ ﴿135﴾

126. Alla jgħid*(lu)*: "Bħalma ġewk is-sinjali u r-Rivelazzjoni tagħna u inti nsejthom *(u għalaqt għajnejk għalihom u ma tajtx kashom)*, hekk ukoll illum inti tintesa!"

127. Hekk inħallsu lil min għamel wisq *(ħażen)* u ma jemminx fis-sinjali u r-Rivelazzjoni ta' Sidu. Il-kastig ta' l-Oħra *(tal-Ħajja l-Oħra)* huwa aktar qalil u jdum aktar.

128. Mela ma jintebħux *(il-pagani f'Mekka)* kemm-il nisel qridna qabilhom *(bħal dawk ta' Għād, Ṯāmūd, u Lot, għaliex kienu giddbu l-Mibgħutin ta' Alla)*, u *(għadhom)* qegħdin jimxu qalb id-djar *(meqruda)* tagħhom *(u għalhekk jistgħu jiftakru fil-kastig ta' Alla)*? Tabilħaqq li f'dak hemm sinjali għal nies bil-għaqal.

129. Li kieku mhux għal Kelma li laħqet *(ingħatat)* minn Sidek *(li jħalli l-ħlas mistħoqq lil kulħadd għal)* żmien imsemmi *(Jum il-Ġudizzju)*, kieku *(il-kastig tagħhom)* kien ikun qabad magħhom *(fid-dinja stess u ma jħallihomx)*.

130. Mela stabar *(Muħammad)* b'dak li jgħidu *(biex igiddbuk)*, u faħħar is-sebħ ta' Sidek *(il-Mulej)* qabel tlugħ ix-xemx u qabel inżulha, u sebbaħ *(lil Alla)* fis-sigħat tal-lejl u fi truf in-nhar, biex forsi tithenna.

131. U ara li ma tmiddx għajnejk *(bir-regħba)* fuq dak *(il-ġid materjali)* li tajna lil xi whud minnhom – il-fjur tal-ħajja *(f'din)* id-dinja, *(li tajnihulhom)* biex inġarrbuhom bih. U l-ġid ta' Sidek huwa aħjar u jdum aktar.

132. Qabbad *(Muħammad)* lil niesek jagħmlu t-talb, u stabar *(inti wkoll)* bih. Aħna ma nitolbukx ġid. Aħna nagħtuk biex tgħix, u l-aħjar tmiem *(fil-Ħajja l-Oħra)* jinsab fil-biża' ta' Alla!

133. *(Il-pagani)* jgħidu: "Mhux li kien *(Muħammad)* iġibilna xi sinjal minn Sidu?" Mela ma ġihomx is-sinjal ċar ta' dak li jinsab fil-Kotba ta' qabel *(bħat-Torā u l-Evanġelju)*?

134. Li kieku *(lill-pagani ta' Mekka)* qridniehom b'kastig qablu *(dan il-Qoran, u qabel ma bgħatna fosthom lil Muħammad)*, kienu jgħidu: "Sidna, mhux li bgħattilna Mibgħut! Għaliex konna nimxu fuq is-sinjali tiegħek, qabel ma niċċekknu u naqgħu fil-għajb."

135. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Kull *(wieħed minna)* qiegħed jistenna. Mela stennew, u se tkunu tafu min huma dawk fit-triq id-dritta, u min mexa fit-triq it-tajba."

سورة الأنبياء

بسم الله الرحمن الرحيم

الجزء 17
الحزب 33

اقْتَرَبَ لِلنَّاسِ حِسَابُهُمْ وَهُمْ فِي غَفْلَةٍ مُّعْرِضُونَ ﴿1﴾
مَا يَأْتِيهِم مِّن ذِكْرٍ مِّن رَّبِّهِم مُّحْدَثٍ إِلَّا اسْتَمَعُوهُ وَهُمْ
يَلْعَبُونَ ﴿2﴾ لَاهِيَةً قُلُوبُهُمْ ۗ وَأَسَرُّوا النَّجْوَى الَّذِينَ ظَلَمُوا
هَلْ هَٰذَا إِلَّا بَشَرٌ مِّثْلُكُمْ ۖ أَفَتَأْتُونَ السِّحْرَ وَأَنتُمْ
تُبْصِرُونَ ﴿3﴾ قَالَ رَبِّي يَعْلَمُ الْقَوْلَ فِي السَّمَاءِ وَالْأَرْضِ ۖ
وَهُوَ السَّمِيعُ الْعَلِيمُ ﴿4﴾ بَلْ قَالُوا أَضْغَاثُ أَحْلَامٍ بَلِ
افْتَرَاهُ بَلْ هُوَ شَاعِرٌ فَلْيَأْتِنَا بِآيَةٍ كَمَا أُرْسِلَ الْأَوَّلُونَ
﴿5﴾ مَا آمَنَتْ قَبْلَهُم مِّن قَرْيَةٍ أَهْلَكْنَاهَا ۖ أَفَهُمْ يُؤْمِنُونَ
﴿6﴾ وَمَا أَرْسَلْنَا قَبْلَكَ إِلَّا رِجَالًا نُّوحِي إِلَيْهِمْ ۖ فَاسْأَلُوا أَهْلَ
الذِّكْرِ إِن كُنتُمْ لَا تَعْلَمُونَ ﴿7﴾ وَمَا جَعَلْنَاهُمْ جَسَدًا
لَّا يَأْكُلُونَ الطَّعَامَ وَمَا كَانُوا خَالِدِينَ ﴿8﴾ ثُمَّ صَدَقْنَاهُمُ
الْوَعْدَ فَأَنجَيْنَاهُمْ وَمَن نَّشَاءُ وَأَهْلَكْنَا الْمُسْرِفِينَ ﴿9﴾
لَقَدْ أَنزَلْنَا إِلَيْكُمْ كِتَابًا فِيهِ ذِكْرُكُمْ ۖ أَفَلَا تَعْقِلُونَ ﴿10﴾

21. *Sūratu l-'Anbijā'*

(Suret il-Profeti – Niżlet f'Mekka b'112-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Hanin.

1. Qorob għan-nies *(iż-żmien ta')* il-kont tagħhom, iżda huma moħħhom imtajjar u ma jagħtux kas.
2. Ma tiġihom *(ebda)* tifkira ġdida minn Sidhom li ma jisimgħuhiex u ma jeħduhiex biċ-ċajt.
3. Qlubhom jgħaddu ż-żmien, u dawk li għamlu l-ħażen jitkellmu bejniethom bil-moħbi *(u jgħidu)*: "Jaqaw dan *(Muħammad)* ma huwiex ħlief bniedem bħalkom? Jaqaw taqgħu għas-seħer *(tiegħu)* b'għajnejkom miftuħa?"
4. Qal*(ilhom Muħammad)*: "Sidi jaf il-kliem *(li jingħad)* fis-sema u fl-art. Huwa jisma' kollox u jaf kollox."
5. Iżda huma qalu: "Thewdin tal-ħolm *(dan il-Qoran)*. Le! Huwa qalgħu minn żniedu, anzi huwa *(ma huwa xejn aktar minn)* poeta. Mela ħalli jġibilna sinjal, bħalma ntbagħtu l-ewwel *(Profeti b'sinjali minn Alla)*!"
6. Ebda belt *(minn dawk)* li qridna qabilhom ma kienet emmnet *(minkejja s-sinjali li ġewha)*. Jaqaw *(issa l-pagani ta' Mekka)* se jemmnu?
7. U qablek *(Muħammad)* ma bgħatniex *(bħala Profeti u Mibgħutin)* jekk mhux irġiel imnebbħin minna. Għalhekk *(jekk għadkom bejn ħalltejn dwar dan)* staqsu lil dawk li għandhom it-tifkira *(fost il-Lhud u l-Insara, Nies il-Ktieb)*, jekk ma tafux!
8. Lanqas għamilniehom *(lill-Profeti u lill-Mibgħutin tagħna)* iġsma li ma jiklux ikel, u lanqas għexu għal dejjem.
9. Imbagħad żammejna l-wegħda magħhom u ħlisniehom, u *(magħhom ħlisna)* lil dawk li ridna, filwaqt li qridna lil dawk li għamlu wisq *(ħażen)*.
10. Aħna tabilħaqq niżżilnielkom Ktieb li fih *(issibu)* it-tifkira u l-ġieħ tagħkom. Jaqaw ma għandkomx għaqal biex tifhmu *(dan il-ġid kbir li sar magħkom)*?

وَكَمْ قَصَمْنَا مِن قَرْيَةٍ كَانَتْ ظَالِمَةً وَأَنشَأْنَا بَعْدَهَا قَوْمًا
ءَاخَرِينَ ﴿11﴾ فَلَمَّآ أَحَسُّوا۟ بَأْسَنَآ إِذَا هُم مِّنْهَا يَرْكُضُونَ ﴿12﴾
لَا تَرْكُضُوا۟ وَٱرْجِعُوٓا۟ إِلَىٰ مَآ أُتْرِفْتُمْ فِيهِ وَمَسَٰكِنِكُمْ لَعَلَّكُمْ
تُسْـَٔلُونَ ﴿13﴾ قَالُوا۟ يَٰوَيْلَنَآ إِنَّا كُنَّا ظَٰلِمِينَ ﴿14﴾ فَمَا زَالَت تِّلْكَ
دَعْوَىٰهُمْ حَتَّىٰ جَعَلْنَٰهُمْ حَصِيدًا خَٰمِدِينَ ﴿15﴾ وَمَا خَلَقْنَا
ٱلسَّمَآءَ وَٱلْأَرْضَ وَمَا بَيْنَهُمَا لَٰعِبِينَ ﴿16﴾ لَوْ أَرَدْنَآ أَن نَّتَّخِذَ لَهْوًا
لَّٱتَّخَذْنَٰهُ مِن لَّدُنَّآ إِن كُنَّا فَٰعِلِينَ ﴿17﴾ بَلْ نَقْذِفُ بِٱلْحَقِّ
عَلَى ٱلْبَٰطِلِ فَيَدْمَغُهُۥ فَإِذَا هُوَ زَاهِقٌ ۚ وَلَكُمُ ٱلْوَيْلُ مِمَّا تَصِفُونَ
﴿18﴾ وَلَهُۥ مَن فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۚ وَمَنْ عِندَهُۥ لَا يَسْتَكْبِرُونَ
عَنْ عِبَادَتِهِۦ وَلَا يَسْتَحْسِرُونَ ﴿19﴾ يُسَبِّحُونَ ٱلَّيْلَ وَٱلنَّهَارَ
لَا يَفْتُرُونَ ﴿20﴾ أَمِ ٱتَّخَذُوٓا۟ ءَالِهَةً مِّنَ ٱلْأَرْضِ هُمْ يُنشِرُونَ
﴿21﴾ لَوْ كَانَ فِيهِمَآ ءَالِهَةٌ إِلَّا ٱللَّهُ لَفَسَدَتَا ۚ فَسُبْحَٰنَ ٱللَّهِ رَبِّ ٱلْعَرْشِ
عَمَّا يَصِفُونَ ﴿22﴾ لَا يُسْـَٔلُ عَمَّا يَفْعَلُ وَهُمْ يُسْـَٔلُونَ ﴿23﴾ أَمِ
ٱتَّخَذُوا۟ مِن دُونِهِۦٓ ءَالِهَةً ۖ قُلْ هَاتُوا۟ بُرْهَٰنَكُمْ ۖ هَٰذَا ذِكْرُ مَن مَّعِىَ
وَذِكْرُ مَن قَبْلِى ۗ بَلْ أَكْثَرُهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ٱلْحَقَّ فَهُم مُّعْرِضُونَ
﴿24﴾

11. Kemm-il belt qridna, li kienet ħażina, u warajha qajjimna ġnus oħra!
12. U ara, meta ħassu *(u raw)* il-qilla *(tal-kastig)* tagħna, huma harbu minnha.
13. *(L-anġli jgħidulhom:)* "La taħarbux, iżda erġgħu lura lejn it-tgawdija li ngħatat lilkom, u lejn djarkom, biex forsi tkunu mistoqsija *(jekk kienx xieraq il-kastig li ħadtu)*!"
14. Huma qalu: "Msieken aħna! Aħna tabilħaqq konna ħżiena!"
15. U dik baqgħet is-sejħa tagħhom, sa ma *(qridniehom u)* għamilniehom bħal għalqa maħsuda, ħemdin *(u bla ħajja)*.
16. Ma ħlaqniex is-sema, l-art u dak li hemm bejniethom bil-logħob!
17. Li kieku ridna xi mogħdija taż-żmien, konna nsibuha f'dak li għandna *(u konna nedhew bl-anġli)*, kieku ridna nagħmlu *(ħaġa bħal din)*.
18. Iżda Aħna nixħtu s-sewwa fuq il-qerq *(biex jolqtu bil-qawwa)* u jxejnu, u araħ meqrud! Ħażin għalikom ta' dak *(il-gideb)* li taqilgħu *(dwarna)*.
19. Tiegħu huwa kulmin jinsab fis-smewwiet u fl-art. U dawk *(l-anġli)* li jinsabu għandu, la jitkabbru biex iqimuh, u lanqas *(qatt)* jegħjew (*fil-qima tiegħu*).
20. Huma jsebbħu*(h)* lejl u nhar, bla ma *(qatt)* jehdew.
21. Jaqaw ħadu *(għall-qima tagħhom)* allat mill-art li jqajmu l-mejtin?
22. Kieku fihom it-tnejn *(fis-smewwiet u fl-art)* kien hemm allat *(oħra)* minbarra Alla, kieku kienu jitħawdu bejniethom *(u jinqerdu)*! Sebħ lil Alla, Sid it-Tron, *(għaliex Huwa ogħla)* minn dak li jaqilgħu *(dwaru)*.
23. Huwa ma huwiex mistoqsi dwar dak li jagħmel *(għaliex Huwa s-Sid u l-Ħallieq)*, iżda huma jkunu mistoqsijin *(dwar l-għemejjel tagħhom għaliex huma l-qaddejja)*!
24. Jaqaw ħadu *(għall-qima tagħhom)* allat minfloku? Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ġibu l-prova tagħkom! Dan *(il-Qoran)* huwa t-tifkira għal *(nies)* li jinsabu miegħi, u t-tifkira għal dawk *(minn Nies il-Ktieb)* li kienu qabli." Iżda ħafna minnhom ma jafux is-sewwa, u jibqgħu ma jagħtux kas.

وَمَآ أَرۡسَلۡنَا مِن قَبۡلِكَ مِن رَّسُولٍ إِلَّا نُوحِيٓ إِلَيۡهِ أَنَّهُۥ لَآ إِلَٰهَ
إِلَّآ أَنَا۠ فَٱعۡبُدُونِ ﴿25﴾ وَقَالُواْ ٱتَّخَذَ ٱلرَّحۡمَٰنُ وَلَدٗاۗ سُبۡحَٰنَهُۥۚ
بَلۡ عِبَادٞ مُّكۡرَمُونَ ﴿26﴾ لَا يَسۡبِقُونَهُۥ بِٱلۡقَوۡلِ وَهُم
بِأَمۡرِهِۦ يَعۡمَلُونَ ﴿27﴾ يَعۡلَمُ مَا بَيۡنَ أَيۡدِيهِمۡ وَمَا خَلۡفَهُمۡ
وَلَا يَشۡفَعُونَ إِلَّا لِمَنِ ٱرۡتَضَىٰ وَهُم مِّنۡ خَشۡيَتِهِۦ مُشۡفِقُونَ
﴿28﴾ ۞ وَمَن يَقُلۡ مِنۡهُمۡ إِنِّيٓ إِلَٰهٞ مِّن دُونِهِۦ فَذَٰلِكَ نَجۡزِيهِ
جَهَنَّمَۚ كَذَٰلِكَ نَجۡزِي ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿29﴾ أَوَلَمۡ يَرَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓاْ
أَنَّ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلۡأَرۡضَ كَانَتَا رَتۡقٗا فَفَتَقۡنَٰهُمَاۖ وَجَعَلۡنَا
مِنَ ٱلۡمَآءِ كُلَّ شَيۡءٍ حَيٍّۖ أَفَلَا يُؤۡمِنُونَ ﴿30﴾ وَجَعَلۡنَا فِي ٱلۡأَرۡضِ
رَوَٰسِيَ أَن تَمِيدَ بِهِمۡ وَجَعَلۡنَا فِيهَا فِجَاجٗا سُبُلٗا لَّعَلَّهُمۡ
يَهۡتَدُونَ ﴿31﴾ وَجَعَلۡنَا ٱلسَّمَآءَ سَقۡفٗا مَّحۡفُوظٗاۖ وَهُمۡ عَنۡ
ءَايَٰتِهَا مُعۡرِضُونَ ﴿32﴾ وَهُوَ ٱلَّذِي خَلَقَ ٱلَّيۡلَ وَٱلنَّهَارَ وَٱلشَّمۡسَ
وَٱلۡقَمَرَۖ كُلّٞ فِي فَلَكٖ يَسۡبَحُونَ ﴿33﴾ وَمَا جَعَلۡنَا لِبَشَرٖ مِّن قَبۡلِكَ
ٱلۡخُلۡدَۖ أَفَإِين مِّتَّ فَهُمُ ٱلۡخَٰلِدُونَ ﴿34﴾ كُلُّ نَفۡسٖ ذَآئِقَةُ
ٱلۡمَوۡتِۗ وَنَبۡلُوكُم بِٱلشَّرِّ وَٱلۡخَيۡرِ فِتۡنَةٗۖ وَإِلَيۡنَا تُرۡجَعُونَ ﴿35﴾

ربع الحزب 33

25. Qablek *(Muħammad)* ma bgħatna ebda Mibgħut li ma konniex nebbaħnieh li ma hemmx alla ħliefi. Mela qimuni *(u xxierku lil ħadd miegħi)*!
26. Qalu: "Dak li huwa Kollu Ħniena għandu wild *(minn fost l-anġli tiegħu)*!" Sebħ lilu! *(L-anġli tiegħu)* ma humiex ħlief qaddejja mweġġħin.
27. Huma ma jitkellmux qablu, u bl-amar tiegħu jagħmlu *(ir-rieda tiegħu)*.
28. Huwa jaf dak li hemm quddiemhom u warajhom. Huma ma jaqbżux jekk mhux għal min *(jafu li Alla)* tgħaxxaq bih, u minħabba l-biża' tagħhom minnu, huma jkunu mwerwrin.
29. U min minnhom *(dawk l-anġli)* jgħid: "Jiena alla minfloku," lil dak inħallsuh bl-Infern. Hekk inħallsu lill-ħżiena.
30. Mela ma jarawx dawk ta' bla twemmin illi s-smewwiet u l-art kienu ħaġa waħda u *(imbagħad)* ftaqniehom, u mill-ilma għamilna kull ħaġa ħajja. Jaqaw ma jemmnux *(fis-setgħa ta' Alla)*?
31. U għamilna iġbla fuq l-art, imqiegħda fis-sod, biex ma titħarrikx bihom, u fihom għamilna toroq wiesgħa biex forsi jagħrfu t-triq *(u ma jintilfux fis-safar tagħhom)*.
32. U s-sema għamilnieh saqaf imħares tajjeb *(biex ma jaqax)*, iżda huma ma jagħtux kas tas-sinjali tiegħu.
33. Huwa li ħalaq il-lejl u n-nhar, u x-xemx u l-qamar; kollox għaddej idur fid-dawra tiegħu.
34. Ma tajna lil ebda bniedem qablek li jgħix għal dejjem. Jaqaw meta tmut inti *(Muħammad)*, huma se jibqgħu jgħixu għal dejjem?
35. Kull ruħ idduq il-mewt, u Aħna nġarrbukom bil-ħażin u bit-tajjeb, u lejna titreġġgħu lura.

36. Meta dawk li ċaħdu t-twemmin jarawk *(Muħammad)*, huma ma jġibux irwieħhom miegħek ħlief biż-żebliħ u jgħidu *(bi stmerrija)*: "Jaqaw dan hu li jsemmi *(fil-bâtal)* l-allat tagħkom?" Huma jiċħdu li jsemmu *(bit-tifħir)* lil Dak li huwa Kollu Ħniena!

37. Il-bniedem inħalaq mill-għaġla. Se nurikom is-sinjali tiegħi *(u kif nitħallas minn dawk li ħaduha kontrija – iżda kollox iseħħ f'ħinu)*, mela la tgħaġġlunix!

38. *(Il-pagani)* jgħidu *(b'żebliħ lill-Profeta u lil dawk li jemmnu)*: "Meta *(sseħħ)* din il-wegħda *(dwar il-kastig)*, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa?"

39. Kieku dawk li ċaħdu t-twemmin kienu jafu *(x'se jkun il-kastig tagħhom)* meta ma jkunux jistgħu jżommu lura n-Nar minn wiċċhom jew minn daharhom, u ma jsibux għajnuna, *(imkien, kieku ma kinux jitkellmu hekk)*!

40. Le! Huwa *(in-Nar)* jiġihom għal għarrieda, hekk li jħawwadhom, u la jkunu jistgħu jaħarbuh, u lanqas jingħataw aktar żmien *(biex jindmu)*.

41. Mibgħutin *(oħra)* qablek kienu mżebilħin *(Muħammad)*, iżda dawk li ddieħku bihom *(spiċċaw)* imdawra *(huma stess minn kull naħa)* b'dak *(il-kastig)* li kienu jżebilħu.

42. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Min iħariskom billejl u binhar mill-*(kastig ta')* Dak li huwa Kollu Ħniena?" Iżda huma ma jagħtux widen għat-tifkira *(u għat-twissija)* ta' Sidhom *(il-Mulej)*.

43. Jaqaw għandhom allat li jħarsuhom minna? Dawn la jistgħu jgħinu lilhom infushom, u lanqas huma mħarsin minna.

44. Le! Aħna ħallejna lil dawn in-nies u lil missirijiethom igawdu *(f'din id-dinja)*, sa ma daħlu sew fiż-żmien *(u ħasbu li se jibqgħu jgawdu dak kollu għal dejjem)*. Mela ma jarawx li Aħna niġu fuq l-art *(bil-Mibgħutin tagħna u nagħtuha lin-nies ta' twemmin)*, u nnaqqsulha t-truf tagħha *(minn idejn dawk li ċaħdu t-twemmin safi)*? Jaqaw *(issa)* huma r-rebbiħin?

قُلْ إِنَّمَآ أُنذِرُكُم بِٱلْوَحْىِ ۚ وَلَا يَسْمَعُ ٱلصُّمُّ ٱلدُّعَآءَ إِذَا
مَا يُنذَرُونَ ﴿45﴾ وَلَئِن مَّسَّتْهُمْ نَفْحَةٌ مِّنْ عَذَابِ رَبِّكَ
لَيَقُولُنَّ يَٰوَيْلَنَآ إِنَّا كُنَّا ظَٰلِمِينَ ﴿46﴾ وَنَضَعُ ٱلْمَوَٰزِينَ
ٱلْقِسْطَ لِيَوْمِ ٱلْقِيَٰمَةِ فَلَا تُظْلَمُ نَفْسٌ شَيْـًٔا ۖ وَإِن كَانَ
مِثْقَالَ حَبَّةٍ مِّنْ خَرْدَلٍ أَتَيْنَا بِهَا ۗ وَكَفَىٰ بِنَا حَٰسِبِينَ
﴿47﴾ وَلَقَدْ ءَاتَيْنَا مُوسَىٰ وَهَٰرُونَ ٱلْفُرْقَانَ وَضِيَآءً وَذِكْرًا
لِّلْمُتَّقِينَ ﴿48﴾ ٱلَّذِينَ يَخْشَوْنَ رَبَّهُم بِٱلْغَيْبِ وَهُم مِّنَ
ٱلسَّاعَةِ مُشْفِقُونَ ﴿49﴾ وَهَٰذَا ذِكْرٌ مُّبَارَكٌ أَنزَلْنَٰهُ ۚ أَفَأَنتُمْ لَهُۥ
مُنكِرُونَ ﴿50﴾ ۞ وَلَقَدْ ءَاتَيْنَآ إِبْرَٰهِيمَ رُشْدَهُۥ مِن قَبْلُ وَكُنَّا
بِهِۦ عَٰلِمِينَ ﴿51﴾ إِذْ قَالَ لِأَبِيهِ وَقَوْمِهِۦ مَا هَٰذِهِ ٱلتَّمَاثِيلُ ٱلَّتِىٓ
أَنتُمْ لَهَا عَٰكِفُونَ ﴿52﴾ قَالُوا۟ وَجَدْنَآ ءَابَآءَنَا لَهَا عَٰبِدِينَ ﴿53﴾
قَالَ لَقَدْ كُنتُمْ أَنتُمْ وَءَابَآؤُكُمْ فِى ضَلَٰلٍ مُّبِينٍ ﴿54﴾ قَالُوٓا۟
أَجِئْتَنَا بِٱلْحَقِّ أَمْ أَنتَ مِنَ ٱللَّٰعِبِينَ ﴿55﴾ قَالَ بَل رَّبُّكُمْ رَبُّ ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضِ ٱلَّذِى فَطَرَهُنَّ وَأَنَا۠ عَلَىٰ ذَٰلِكُم مِّنَ ٱلشَّٰهِدِينَ
﴿56﴾ وَتَٱللَّهِ لَأَكِيدَنَّ أَصْنَٰمَكُم بَعْدَ أَن تُوَلُّوا۟ مُدْبِرِينَ ﴿57﴾

نصف الحزب 33

45. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Qiegħed inwissikom biss bir-Rivelazzjoni." Iżda t-torox ma jisimgħux is-sejħa, meta jitwissew!
46. U jekk tmisshom *(l-iċken)* neħa mill-kastig ta' Sidek, huma tassew jgħidu: "Msieken aħna! Aħna konna tabilħaqq ħżiena!"
47. Aħna nqiegħdu l-imwieżen tal-ħaqq *(u nħejjuhom)* għal Jum il-Qawmien, u xejn ma ssir inġustizzja ma' ebda ruħ. U jekk *(għemil il-bniedem)* ikun *(biss)* it-toqol ta' żerriegħa tal-mustarda, *(arana)* nġibuh *(biex isir ħaqq minnu)*. Aħna biżżejjed biex nagħmlu l-kontijiet!
48. Aħna tajna lil Mosè u lil Aron il-Qjies *(bejn it-tajjeb u l-ħażin, li hu t-Torā)*, u dawl u tifkira għal dawk li jibżgħu minn Alla,
49. dawk li jibżgħu minn Sidhom bil-moħbi, u huma mbeżżgħin mis-Siegħa *(tal-Ġudizzju)*.
50. Dan *(il-Qoran huwa)* tifkira mbierka li Aħna niżżilna. Jaqaw intom tiċħduha?
51. Qabel, konna tajna l-għaqal lil Abraham *(sa minn ċkunitu)*, u konna nafuh sew.
52. *(Ftakar, Muħammad)* meta qal lil missieru u lil niesu: "X'inhuma dawn ix-xbihat li intom tqimu?"
53. Qalu: "Sibna lil missirijietna jqimuhom."
54. Qal*(ilhom Abraham)*: "Tassew li intom u missirijietkom kontu f'telfien mill-aktar ċar!"
55. Qal*(ulu niesu)*: "Jaqaw ġejtna bis-sewwa, jew inkella inti minn dawk li jgħaddu ż-żmien fil-logħob?"
56. Qal: "Le *(mhux hekk! Għandkom tkunu tafu li)* Sidkom huwa Sid is-smewwiet u l-art, dak li ħalaqhom, u jiena fost dawk li jixhdu għal dan.
57. U naħlef fuq Alla! Tassew se nara x'nagħmel bix-xbihat tagħkom *(biex neqridhom)*, wara li tkunu tlaqtu *(għall-festa ta' kull sena)*!"

فَجَعَلَهُمْ جُذَٰذًا إِلَّا كَبِيرًا لَّهُمْ لَعَلَّهُمْ إِلَيْهِ يَرْجِعُونَ
(58) قَالُوا مَن فَعَلَ هَٰذَا بِـَٔالِهَتِنَآ إِنَّهُۥ لَمِنَ ٱلظَّٰلِمِينَ (59)
قَالُوا سَمِعْنَا فَتًى يَذْكُرُهُمْ يُقَالُ لَهُۥٓ إِبْرَٰهِيمُ (60) قَالُوا۟ فَأْتُوا۟ بِهِۦ
عَلَىٰٓ أَعْيُنِ ٱلنَّاسِ لَعَلَّهُمْ يَشْهَدُونَ (61) قَالُوٓا۟ ءَأَنتَ فَعَلْتَ
هَٰذَا بِـَٔالِهَتِنَا يَٰٓإِبْرَٰهِيمُ (62) قَالَ بَلْ فَعَلَهُۥ كَبِيرُهُمْ
هَٰذَا فَسْـَٔلُوهُمْ إِن كَانُوا۟ يَنطِقُونَ (63) فَرَجَعُوٓا۟ إِلَىٰٓ
أَنفُسِهِمْ فَقَالُوٓا۟ إِنَّكُمْ أَنتُمُ ٱلظَّٰلِمُونَ (64) ثُمَّ نُكِسُوا۟ عَلَىٰ
رُءُوسِهِمْ لَقَدْ عَلِمْتَ مَا هَٰٓؤُلَآءِ يَنطِقُونَ (65) قَالَ
أَفَتَعْبُدُونَ مِن دُونِ ٱللَّهِ مَا لَا يَنفَعُكُمْ شَيْـًٔا وَلَا
يَضُرُّكُمْ (66) أُفٍّ لَّكُمْ وَلِمَا تَعْبُدُونَ مِن دُونِ ٱللَّهِ ۖ أَفَلَا
تَعْقِلُونَ (67) قَالُوا۟ حَرِّقُوهُ وَٱنصُرُوٓا۟ ءَالِهَتَكُمْ إِن كُنتُمْ
فَٰعِلِينَ (68) قُلْنَا يَٰنَارُ كُونِى بَرْدًا وَسَلَٰمًا عَلَىٰٓ إِبْرَٰهِيمَ (69)
وَأَرَادُوا۟ بِهِۦ كَيْدًا فَجَعَلْنَٰهُمُ ٱلْأَخْسَرِينَ (70) وَنَجَّيْنَٰهُ
وَلُوطًا إِلَى ٱلْأَرْضِ ٱلَّتِى بَٰرَكْنَا فِيهَا لِلْعَٰلَمِينَ (71) وَوَهَبْنَا
لَهُۥٓ إِسْحَٰقَ وَيَعْقُوبَ نَافِلَةً ۖ وَكُلًّا جَعَلْنَا صَٰلِحِينَ (72)

58. U *(Abraham)* għamilhom frak, ħlief għall-*(idolu)* il-kbir fosthom, biex forsi jerġgħu lura lejh *(u jsaqsuh min kisser l-idoli l-oħra)*.

59. Qalu *(nies Abraham, meta reġgħu lura mill-festa)*: "Min għamel dan lill-allat tagħna huwa tassew mill-agħar!"

60. Qalu *(ukoll)*: "Smajna żagħżugħ isemmihom *(u qal li ried jeqridhom)*, jismu Abraham."

61. Qalu: "Mela ġibuh *(hawn)* biex jarawh in-nies u forsi jixhdu *(għal dan li ġara)*!"

62. Qalu*(lu)*: "Jaqaw inti għamilt dan lill-allat tagħna, Abraham?"

63. Qal*(ilhom)*: "Le, imma l-*(idolu)* il-kbir fosthom għamel dan *(għaliex ma ridkomx tqimu miegħu idoli iżgħar)*! Staqsuhom, jekk jistgħu jitkellmu!"

64. Għalhekk daħlu f'qoxrithom u qalu *(bejnhom u bejn ruħhom)*: "Intom tabilħaqq il-ħżiena!"

65. Imbagħad reġgħu għalli kienu *(pagani bħal qabel, u qalu lil Abraham)*: "Inti taf li dawn ma jistgħux jitkellmu *(u mela għaliex qiegħed tgħidilna nistaqsuhom?)*"

66. Qal*(ilhom)*: "Jaqaw, minflok lil Alla, tqimu dak li ma jiswielkom xejn, u lanqas jista' jagħmlilkom ħsara?

67. Għajb għalikom u għal dawk li tqimu minflok lil Alla! Mela ma tifhmux?"

68. Qalu: "Aħarquh *(lil Abraham)*, u aqbżu għall-allat tagħkom, jekk se tagħmlu *(xi ħaġa)*."

69. *(Meta rajna l-pagani se jaħarqu lil Abraham)* għedna: "Ja nar, kun bard u sliem għal Abraham!"

70. Huma riedu jonsbuh *(biex jitfgħuh f'ħofra u jaħarquh)*, iżda Aħna għamilniehom l-akbar tellifin.

71. Aħna ħlisna lilu u lil Lot *(u mill-Mesopotamja bgħatniehom)* lejn l-art *(tas-Sirja)* li berikna *(u bgħatna fiha l-Mibgħutin tagħna)* għall-bnedmin kollha.

72. U *(lil Abraham)* tajnieh lil Iżakk u lil Ġakobb *(iben ibnu)* bħala għotja oħra, u lit-tnejn li huma għamilna ġusti.

وَجَعَلْنَٰهُمْ أَئِمَّةً يَهْدُونَ بِأَمْرِنَا وَأَوْحَيْنَآ إِلَيْهِمْ فِعْلَ
ٱلْخَيْرَٰتِ وَإِقَامَ ٱلصَّلَوٰةِ وَإِيتَآءَ ٱلزَّكَوٰةِ ۖ وَكَانُوا۟ لَنَا
عَٰبِدِينَ ﴿73﴾ وَلُوطًا ءَاتَيْنَٰهُ حُكْمًا وَعِلْمًا وَنَجَّيْنَٰهُ مِنَ
ٱلْقَرْيَةِ ٱلَّتِى كَانَت تَّعْمَلُ ٱلْخَبَٰٓئِثَ ۗ إِنَّهُمْ كَانُوا۟ قَوْمَ سَوْءٍ
فَٰسِقِينَ ﴿74﴾ وَأَدْخَلْنَٰهُ فِى رَحْمَتِنَآ ۖ إِنَّهُۥ مِنَ ٱلصَّٰلِحِينَ
﴿75﴾ وَنُوحًا إِذْ نَادَىٰ مِن قَبْلُ فَٱسْتَجَبْنَا لَهُۥ فَنَجَّيْنَٰهُ
وَأَهْلَهُۥ مِنَ ٱلْكَرْبِ ٱلْعَظِيمِ ﴿76﴾ وَنَصَرْنَٰهُ مِنَ ٱلْقَوْمِ
ٱلَّذِينَ كَذَّبُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَآ ۚ إِنَّهُمْ كَانُوا۟ قَوْمَ سَوْءٍ فَأَغْرَقْنَٰهُمْ
أَجْمَعِينَ ﴿77﴾ وَدَاوُۥدَ وَسُلَيْمَٰنَ إِذْ يَحْكُمَانِ فِى ٱلْحَرْثِ إِذْ
نَفَشَتْ فِيهِ غَنَمُ ٱلْقَوْمِ وَكُنَّا لِحُكْمِهِمْ شَٰهِدِينَ ﴿78﴾
فَفَهَّمْنَٰهَا سُلَيْمَٰنَ ۚ وَكُلًّا ءَاتَيْنَا حُكْمًا وَعِلْمًا ۚ وَسَخَّرْنَا
مَعَ دَاوُۥدَ ٱلْجِبَالَ يُسَبِّحْنَ وَٱلطَّيْرَ ۚ وَكُنَّا فَٰعِلِينَ ﴿79﴾
وَعَلَّمْنَٰهُ صَنْعَةَ لَبُوسٍ لَّكُمْ لِتُحْصِنَكُم مِّنۢ بَأْسِكُمْ ۖ
فَهَلْ أَنتُمْ شَٰكِرُونَ ﴿80﴾ وَلِسُلَيْمَٰنَ ٱلرِّيحَ عَاصِفَةً تَجْرِى بِأَمْرِهِۦٓ
إِلَى ٱلْأَرْضِ ٱلَّتِى بَٰرَكْنَا فِيهَا ۚ وَكُنَّا بِكُلِّ شَىْءٍ عَٰلِمِينَ ﴿81﴾

73. Aħna għamilniehom mexxejja li jmexxu bl-amar tagħna, u nebbaħniehom jagħmlu l-ġid, jagħmlu t-talb u jagħtu l-karità, u lilna kienu jqimu.

74. U lil Lot *(ukoll)* tajnieh kif jagħmel ħaqq, u l-għarfien. U ħlisnieh mill-belt *(ta' Sodoma)* li kienet tagħmel għemejjel faħxija. Huma tabilħaqq kienu nies ta' ħażen, imħassrin.

75. Aħna *(lqajnieh u)* daħħalnieh fil-ħniena tagħna, għaliex kien wieħed mill-ġusti.

76. U *(ftakar)* f'Noè, meta kien sejjaħ *(lilna)*, qabel, u Aħna weġibnieh u ħlisna lilu u lil niesu mid-diqa l-kbira.

77. Aħna tajnieh l-għajnuna u ħlisnieh minn dawk li giddbu s-sinjali tagħna. Huma kienu tabilħaqq nies ta' ħażen, u għerriqniehom ilkoll *(fid-dilluvju)*.

78. U *(ftakar ukoll)* f'David u f'Salamun meta għamlu ħaqq dwar l-għalqa li fiha kienu daħlu xi nagħaġ tan-nies *(jirgħu)* billejl *(u ħarbtuha)*, u konna xhieda tal-ħaqq tagħhom.

79. Lil Salamun fehemnihielu *(sewwa dik il-kwistjoni)*. Lit-tnejn li huma tajniehom kif jagħmlu ħaqq, u *(tajniehom)* l-għarfien. Aħna ġegħelna l-iġbla u t-tjur isebbħu *(lilna)*, flimkien ma' David *(bis-Salmi tiegħu)*. Konna Aħna li għamilna *(dan kollu)*!

80. Aħna għallimnieh *(lil David)* is-sengħa tal-kurazza *(għall-fejda)* tagħkom, biex thariskom mill-qilla tagħkom *(għal xulxin meta titqabdu, iżda ta' dan)* intom tiżżu ħajr?

81. *(Kien bis-setgħa tagħna li ġegħelna)* ir-riħ qawwi *(joqgħod)* għal Salamun, u jonfoħ bl-amar tiegħu fuq l-art *(tas-Sirja)* li konna berikna. Aħna konna nafu b'kollox!

ثلاثة أرباع
الحزب
33

وَمِنَ ٱلشَّيَٰطِينِ مَن يَغُوصُونَ لَهُۥ وَيَعْمَلُونَ عَمَلًا
دُونَ ذَٰلِكَ ۖ وَكُنَّا لَهُمْ حَٰفِظِينَ ﴿82﴾ ۞ وَأَيُّوبَ إِذْ
نَادَىٰ رَبَّهُۥٓ أَنِّى مَسَّنِىَ ٱلضُّرُّ وَأَنتَ أَرْحَمُ ٱلرَّٰحِمِينَ ﴿83﴾
فَٱسْتَجَبْنَا لَهُۥ فَكَشَفْنَا مَا بِهِۦ مِن ضُرٍّ ۖ وَءَاتَيْنَٰهُ أَهْلَهُۥ
وَمِثْلَهُم مَّعَهُمْ رَحْمَةً مِّنْ عِندِنَا وَذِكْرَىٰ لِلْعَٰبِدِينَ ﴿84﴾
وَإِسْمَٰعِيلَ وَإِدْرِيسَ وَذَا ٱلْكِفْلِ ۖ كُلٌّ مِّنَ ٱلصَّٰبِرِينَ
﴿85﴾ وَأَدْخَلْنَٰهُمْ فِى رَحْمَتِنَآ ۖ إِنَّهُم مِّنَ ٱلصَّٰلِحِينَ
﴿86﴾ وَذَا ٱلنُّونِ إِذ ذَّهَبَ مُغَٰضِبًا فَظَنَّ أَن لَّن نَّقْدِرَ عَلَيْهِ
فَنَادَىٰ فِى ٱلظُّلُمَٰتِ أَن لَّآ إِلَٰهَ إِلَّآ أَنتَ سُبْحَٰنَكَ إِنِّى
كُنتُ مِنَ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿87﴾ فَٱسْتَجَبْنَا لَهُۥ وَنَجَّيْنَٰهُ
مِنَ ٱلْغَمِّ ۚ وَكَذَٰلِكَ نُنجِى ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿88﴾ وَزَكَرِيَّآ
إِذْ نَادَىٰ رَبَّهُۥ رَبِّ لَا تَذَرْنِى فَرْدًا وَأَنتَ خَيْرُ ٱلْوَٰرِثِينَ
﴿89﴾ فَٱسْتَجَبْنَا لَهُۥ وَوَهَبْنَا لَهُۥ يَحْيَىٰ وَأَصْلَحْنَا
لَهُۥ زَوْجَهُۥٓ ۚ إِنَّهُمْ كَانُوا۟ يُسَٰرِعُونَ فِى ٱلْخَيْرَٰتِ
وَيَدْعُونَنَا رَغَبًا وَرَهَبًا ۖ وَكَانُوا۟ لَنَا خَٰشِعِينَ ﴿90﴾

82. *(U ġegħelna)* fost ix-xjaten min jogħdoslu *(lil Salamun, u jġiblu l-perli)*, u kienu jagħmlu għemejjel *(oħra)* barra minn hekk, u kellna għajnejna fuqhom.

83. U *(ftakar)* f'Ġob, meta sejjaħ lil Sidu *(il-Mulej, u talab hekk)*: "Jiena tabilħaqq messitni l-ħsara, iżda Inti l-Aktar Ħanin fost dawk li jħennu!"

84. Għalhekk smajna talbu, ħlisnieh mill-ħsara li kien fiha, u tajnieh *(lura)* lil niesu *(li kien tilef)*, u daqshom magħhom, bi ħniena mingħandna, u bħala tifkira għal dawk li jqimu*(na)*.

85. *(Ftakar ukoll)* f'Ismagħel, f'Idrīs, u f'Dū l-Kifl; kollha nies ta' sabar.

86. Aħna *(lqajniehom)* u daħħalniehom fil-ħniena tagħna *(fil-Ġenna)*, għaliex kienu mill-ġusti.

87. U *(ftakar)* f'Tal-Ħuta *(Ġona)* meta telaq mgħaddab *(għal niesu għaliex għall-ewwel ma ridux jemmnu f'Alla)* u ħaseb li m'aħniex se nagħfsuh *(biex inżommuh milli jitlaq lil niesu)*! Iżda huwa sejjaħ fid-dlamijiet *(ta' żaqq il-ħuta u qal)*: "Ma hemmx alla ħliefek! Sebħ lilek! Jiena kont tassew mill-midinbin!"

88. Għalhekk smajna talbu, u ħlisnieh mill-hemm *(li kien jinsab fih)*. Hekk ukoll neħilsu lil dawk li jemmnu.

89. *(Ftakar)* f'Żakkarija, meta sejjaħ lil Sidu *(il-Mulej u qal)*: "Sidi, la tħallinix waħdi, *(mingħajr nisel)*. Inti l-aħjar fost il-werrieta *(għaliex tibqa' għal dejjem wara li jmut kulħadd)*!"

90. Għalhekk smajna talbu, tajnieh lil Ġwanni, u fejjaqnielu lil martu *(u għalhekk setgħet twelled)*. Huma kienu tabilħaqq iħabirku u jgħaġġlu biex jagħmlu l-ġid, kienu jsejħulna bit-tama tal-ħniena u bil-biża' tal-kastig, u kienu umli quddiemna.

وَالَّتِيٓ أَحۡصَنَتۡ فَرۡجَهَا فَنَفَخۡنَا فِيهَا مِن رُّوحِنَا
وَجَعَلۡنَٰهَا وَٱبۡنَهَآ ءَايَةٗ لِّلۡعَٰلَمِينَ ﴿91﴾ إِنَّ هَٰذِهِۦٓ
أُمَّتُكُمۡ أُمَّةٗ وَٰحِدَةٗ وَأَنَا۠ رَبُّكُمۡ فَٱعۡبُدُونِ ﴿92﴾
وَتَقَطَّعُوٓاْ أَمۡرَهُم بَيۡنَهُمۡۖ كُلٌّ إِلَيۡنَا رَٰجِعُونَ ﴿93﴾
فَمَن يَعۡمَلۡ مِنَ ٱلصَّٰلِحَٰتِ وَهُوَ مُؤۡمِنٞ فَلَا كُفۡرَانَ
لِسَعۡيِهِۦ وَإِنَّا لَهُۥ كَٰتِبُونَ ﴿94﴾ وَحَرَٰمٌ عَلَىٰ قَرۡيَةٍ
أَهۡلَكۡنَٰهَآ أَنَّهُمۡ لَا يَرۡجِعُونَ ﴿95﴾ حَتَّىٰٓ إِذَا فُتِحَتۡ
يَأۡجُوجُ وَمَأۡجُوجُ وَهُم مِّن كُلِّ حَدَبٖ يَنسِلُونَ ﴿96﴾
وَٱقۡتَرَبَ ٱلۡوَعۡدُ ٱلۡحَقُّ فَإِذَا هِيَ شَٰخِصَةٌ أَبۡصَٰرُ ٱلَّذِينَ
كَفَرُواْ يَٰوَيۡلَنَا قَدۡ كُنَّا فِي غَفۡلَةٖ مِّنۡ هَٰذَا بَلۡ كُنَّا
ظَٰلِمِينَ ﴿97﴾ إِنَّكُمۡ وَمَا تَعۡبُدُونَ مِن دُونِ
ٱللَّهِ حَصَبُ جَهَنَّمَ أَنتُمۡ لَهَا وَٰرِدُونَ ﴿98﴾ لَوۡ كَانَ
هَٰٓؤُلَآءِ ءَالِهَةٗ مَّا وَرَدُوهَاۖ وَكُلّٞ فِيهَا خَٰلِدُونَ ﴿99﴾
لَهُمۡ فِيهَا زَفِيرٞ وَهُمۡ فِيهَا لَا يَسۡمَعُونَ ﴿100﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ
سَبَقَتۡ لَهُم مِّنَّا ٱلۡحُسۡنَىٰٓ أُوْلَٰٓئِكَ عَنۡهَا مُبۡعَدُونَ ﴿101﴾

91. U *(ftakar ukoll f'Marija)* dik li ħarset is-safa ta' ġisimha: Aħna nfaħna fiha *(permezz ta' l-anġlu Gabrijel)* minn Ruħna, u lilha u lil binha għamilniehom sinjal għall-bnedmin *(kollha)*.
92. Tabilħaqq li din ir-reliġjon tagħkom hija reliġjon waħda.[55] U Jiena Sidkom. Mela agħtuni qima!
93. Iżda *(il-ġnus ta' l-imgħoddi)* kisru *(ir-rabta)* ta' bejniethom. Kulħadd għandna jerġa' lura *(biex jagħti kont)*.
94. Min jagħmel il-ġid u jemmen, it-tħabrik tiegħu ma jkunx miċħud, u Aħna niktbuhulu *(fil-ktieb ta' ħajtu biex ma jintesiex)*.
95. Nies ta' belt li Aħna nkunu qridna ma jitħallewx jerġgħu lura *(fid-dinja)*.
96. Meta *(il-ġnus kiefra ta')* Ja'ġūġ u Ma'ġūġ jinfetaħ *(lilhom is-sadd li kien qiegħed iżommhom)*, u jinżlu jiġru minn kull għolja *(biex iġibu ħerba)*,[56]
97. u toqrob il-wegħda tassew *(ta' Jum il-Qawmien)*, ara, jitberrqu għajnejn dawk li ma jemmnux *(u fil-biża' kbir tagħhom jgħidu)*: "Msieken aħna! Ma tajniex kas ta' dan. Le, anzi konna ħżiena!"
98. Tabilħaqq li intom *(il-pagani)*, u dak li tqimu minflok Alla, intom il-ħatab ta' l-Infern *(għaliex bikom jitkebbes u jaqbad)*, u fih sejrin!
99. Kieku dawk *(l-idoli li tqimu)* kienu allat *(tabilħaqq)*, ma kinux jaslu fih *(fl-Infern)*! Kollha *(kemm huma, idoli u pagani)* jibqgħu fih għal dejjem!
100. Fih ikollhom *(biss)* tnehid *(ħiereġ minn qalbhom)*, u fih ma jisimgħux.
101. Tabilħaqq li dawk li diġà ħadu l-aħjar *(ħlas)* mingħandna, dawk ikunu mbiegħda minnu.

---

[55] Dan il-vers jista' jfisser ukoll: "In-nazzjon tagħkom huwa nazzjon wieħed."
[56] Ara 18:94-98.

لَا يَسْمَعُونَ حَسِيسَهَا ۖ وَهُمْ فِي مَا اشْتَهَتْ أَنفُسُهُمْ
خَالِدُونَ ﴿102﴾ لَا يَحْزُنُهُمُ الْفَزَعُ الْأَكْبَرُ وَتَتَلَقَّاهُمُ
الْمَلَائِكَةُ هَٰذَا يَوْمُكُمُ الَّذِي كُنتُمْ تُوعَدُونَ
﴿103﴾ يَوْمَ نَطْوِي السَّمَاءَ كَطَيِّ السِّجِلِّ لِلْكُتُبِ ۚ كَمَا
بَدَأْنَا أَوَّلَ خَلْقٍ نُّعِيدُهُ ۚ وَعْدًا عَلَيْنَا ۚ إِنَّا كُنَّا فَاعِلِينَ
﴿104﴾ وَلَقَدْ كَتَبْنَا فِي الزَّبُورِ مِن بَعْدِ الذِّكْرِ أَنَّ الْأَرْضَ
يَرِثُهَا عِبَادِيَ الصَّالِحُونَ ﴿105﴾ إِنَّ فِي هَٰذَا لَبَلَاغًا
لِّقَوْمٍ عَابِدِينَ ﴿106﴾ وَمَا أَرْسَلْنَاكَ إِلَّا رَحْمَةً لِّلْعَالَمِينَ
﴿107﴾ قُلْ إِنَّمَا يُوحَىٰ إِلَيَّ أَنَّمَا إِلَٰهُكُمْ إِلَٰهٌ وَاحِدٌ ۖ
فَهَلْ أَنتُم مُّسْلِمُونَ ﴿108﴾ فَإِن تَوَلَّوْا فَقُلْ آذَنتُكُمْ
عَلَىٰ سَوَاءٍ ۖ وَإِنْ أَدْرِي أَقَرِيبٌ أَم بَعِيدٌ مَّا تُوعَدُونَ ﴿109﴾
إِنَّهُ يَعْلَمُ الْجَهْرَ مِنَ الْقَوْلِ وَيَعْلَمُ مَا تَكْتُمُونَ
﴿110﴾ وَإِنْ أَدْرِي لَعَلَّهُ فِتْنَةٌ لَّكُمْ وَمَتَاعٌ إِلَىٰ حِينٍ ﴿111﴾ قَالَ
رَبِّ احْكُم بِالْحَقِّ ۗ وَرَبُّنَا الرَّحْمَٰنُ الْمُسْتَعَانُ عَلَىٰ مَا تَصِفُونَ ﴿112﴾

سُورَةُ الْحَجِّ

102. Huma ma jisimgħux ħossu *(l-Infern)*, u jibqgħu għal dejjem f'dak li l-erwieħ tagħhom *(dejjem)* xtaqu.
103. Il-biża' l-kbir ma jnikkithomx, u l-anġli jilqgħuhom *(bil-kliem)*: "Dan huwa l-Jum tagħkom li kien imwiegħed lilkom."
104. Dakinhar nitwu s-sema bħalma jingħalaq l-iskroll bil-kitba. Bħalma bdejna l-ewwel ħolqien, intennuh! Hekk wegħedna, u hekk nagħmlu!
105. Fis-Salmi konna ktibna, wara *(li kienet ġiet)* it-tifkira *(lil Mosè fit-Torā, li)*: "L-art jirtuha l-qaddejja ġusti tiegħi!"
106. F'dan tabilħaqq hawn taħbira għal nies li jqimu.
107. Aħna ma bgħatniekx *(Muħammad)* jekk mhux bħala ħniena lill-ħolqien *(kollu)*.
108. Għid *(Muħammad)*: "Jiena mnebbaħ biss li Alla tagħkom huwa Alla Wieħed. Mela *(issa)* se tintelqu f'idejh u tkunu Misilmin?"
109. Iżda jekk jagħtu daharhom *(u ma jagħtux widen)*, għid*(ilhom)*: "Għarraftkom *(bil-messaġġ)* ilkoll indaqs, u ma nafx jekk dak li hu mwiegħed lilkom huwiex fil-qrib jew imbiegħed.
110. Tabilħaqq li *(Alla)* jaf bil-kliem li jingħad fil-beraħ, u jaf *(ukoll)* dak li taħbu *(fi qlubkom)*.
111. U ma nafx jekk *(id-dewmien fil-wasla tal-kastig)* hux tiġrib għalikom, u tgawdija għal xi żmien."
112. Qal *(Muħammad)*: "Sidi, agħmel ħaqq bis-sewwa!" U Sidna huwa Dak Kollu Ħniena, li jintalab jgħin kontra *(il-gideb)* li taqilgħu.

بسم الله الرحمن الرحيم

الحزب 34

يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ ٱتَّقُوا۟ رَبَّكُمْ ۚ إِنَّ زَلْزَلَةَ ٱلسَّاعَةِ شَىْءٌ
عَظِيمٌ ﴿1﴾ يَوْمَ تَرَوْنَهَا تَذْهَلُ كُلُّ مُرْضِعَةٍ عَمَّآ
أَرْضَعَتْ وَتَضَعُ كُلُّ ذَاتِ حَمْلٍ حَمْلَهَا وَتَرَى ٱلنَّاسَ
سُكَٰرَىٰ وَمَا هُم بِسُكَٰرَىٰ وَلَٰكِنَّ عَذَابَ ٱللَّهِ شَدِيدٌ
﴿2﴾ وَمِنَ ٱلنَّاسِ مَن يُجَٰدِلُ فِى ٱللَّهِ بِغَيْرِ عِلْمٍ وَيَتَّبِعُ كُلَّ
شَيْطَٰنٍ مَّرِيدٍ ﴿3﴾ كُتِبَ عَلَيْهِ أَنَّهُۥ مَن تَوَلَّاهُ فَأَنَّهُۥ يُضِلُّهُۥ
وَيَهْدِيهِ إِلَىٰ عَذَابِ ٱلسَّعِيرِ ﴿4﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ إِن كُنتُمْ فِى
رَيْبٍ مِّنَ ٱلْبَعْثِ فَإِنَّا خَلَقْنَٰكُم مِّن تُرَابٍ ثُمَّ مِن نُّطْفَةٍ ثُمَّ
مِنْ عَلَقَةٍ ثُمَّ مِن مُّضْغَةٍ مُّخَلَّقَةٍ وَغَيْرِ مُخَلَّقَةٍ لِّنُبَيِّنَ لَكُمْ ۚ
وَنُقِرُّ فِى ٱلْأَرْحَامِ مَا نَشَآءُ إِلَىٰٓ أَجَلٍ مُّسَمًّى ثُمَّ نُخْرِجُكُمْ
طِفْلًا ثُمَّ لِتَبْلُغُوٓا۟ أَشُدَّكُمْ ۖ وَمِنكُم مَّن يُتَوَفَّىٰ
وَمِنكُم مَّن يُرَدُّ إِلَىٰٓ أَرْذَلِ ٱلْعُمُرِ لِكَيْلَا يَعْلَمَ مِنۢ
بَعْدِ عِلْمٍ شَيْـًٔا ۚ وَتَرَى ٱلْأَرْضَ هَامِدَةً فَإِذَآ أَنزَلْنَا عَلَيْهَا
ٱلْمَآءَ ٱهْتَزَّتْ وَرَبَتْ وَأَنۢبَتَتْ مِن كُلِّ زَوْجٍۭ بَهِيجٍ ﴿5﴾

22. *Sūratu l-Ħaġġ*

(Suret il-Pellegrinaġġ – Niżlet f'Medina bi 78 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Ja nies, ibżgħu minn Sidkom *(il-Mulej)*. Tabilħaqq li t-theżżiża tas-Siegħa *(tal-qawmien mill-mewt)* hija xi ħaġa tassew kbira!
2. Fil-Jum li tarawha *(dik is-Siegħa)*, kull mara tredda' twarrab *(u tittraskura)* lil min kienet tredda', kull mara tqila teħles mit-toqol tagħha *(qabel iż-żmien)*, u tara n-nies *(f'dagħdigħa bħallikieku)* fis-sakra, bla ma jkunu fis-sakra, iżda qalil ikun il-kastig ta' Alla.
3. Iżda fost in-nies hemm min iħaqqaqha fuq Alla mingħajr għarfien, u jimxi wara kull xitan ribell.
4. Huwa miktub għalih *(ix-Xitan)* li min jissieħeb miegħu, huwa tassew itellfu t-triq, u jmexxih lejn il-kastig tan-Nar iħeġġeġ.
5. Ja nies, jekk intom bejn ħalltejn dwar il-qawmien mill-imwiet, *(kunu afu li)* Aħna ħlaqniekom minn trab, imbagħad minn nitfa *(ta' sperma)*, u mbagħad minn demm magħqud, u mbagħad minn biċċa laħam *(li parti minnha tkun)* issawret u *(partijiet oħra jkunu għadhom)* ma ssawrux, *(u dan kollu)* biex nurukom *(is-setgħa divina tagħna)*. Aħna nżommu fil-ġwief dak li rridu, sa żmien magħruf, imbagħad noħorġukom trabi, tilħqu l-aqwa tagħkom, u *(jkun hemm)* minnkom li jmut *(żgħir)*, u minnkom li jintradd għall-agħar għomor *(u l-aktar wieħed dgħajjef – dak tax-xjuħija)*, biex, wara li kien jaf ħafna, ma jkun jaf xejn *(u jerġa' jsir bħat-tfal, fil-qawwa tal-ġisem u tal-moħħ)*. U tara l-art mhux għammiela, iżda meta nniżżlu l-ilma *(tax-xita)* fuqha, araha titqanqal, tikber, u tnibbet minn kull għamla sabiħa *(ta' ħxejjex)*.

ذَٰلِكَ بِأَنَّ ٱللَّهَ هُوَ ٱلْحَقُّ وَأَنَّهُۥ يُحْىِ ٱلْمَوْتَىٰ وَأَنَّهُۥ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ۝6
وَأَنَّ ٱلسَّاعَةَ ءَاتِيَةٌ لَّا رَيْبَ فِيهَا وَأَنَّ ٱللَّهَ يَبْعَثُ مَن فِى
ٱلْقُبُورِ ۝7 وَمِنَ ٱلنَّاسِ مَن يُجَٰدِلُ فِى ٱللَّهِ بِغَيْرِ عِلْمٍ وَلَا هُدًى
وَلَا كِتَٰبٍ مُّنِيرٍ ۝8 ثَانِىَ عِطْفِهِۦ لِيُضِلَّ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ ۖ لَهُۥ فِى
ٱلدُّنْيَا خِزْىٌ ۖ وَنُذِيقُهُۥ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ عَذَابَ ٱلْحَرِيقِ ۝9 ذَٰلِكَ
بِمَا قَدَّمَتْ يَدَاكَ وَأَنَّ ٱللَّهَ لَيْسَ بِظَلَّٰمٍ لِّلْعَبِيدِ ۝10 وَمِنَ ٱلنَّاسِ
مَن يَعْبُدُ ٱللَّهَ عَلَىٰ حَرْفٍ ۖ فَإِنْ أَصَابَهُۥ خَيْرٌ ٱطْمَأَنَّ بِهِۦ ۖ وَإِنْ أَصَابَتْهُ
فِتْنَةٌ ٱنقَلَبَ عَلَىٰ وَجْهِهِۦ خَسِرَ ٱلدُّنْيَا وَٱلْءَاخِرَةَ ۚ ذَٰلِكَ هُوَ
ٱلْخُسْرَانُ ٱلْمُبِينُ ۝11 يَدْعُوا۟ مِن دُونِ ٱللَّهِ مَا لَا يَضُرُّهُۥ
وَمَا لَا يَنفَعُهُۥ ۚ ذَٰلِكَ هُوَ ٱلضَّلَٰلُ ٱلْبَعِيدُ ۝12 يَدْعُوا۟ لَمَن
ضَرُّهُۥٓ أَقْرَبُ مِن نَّفْعِهِۦ ۚ لَبِئْسَ ٱلْمَوْلَىٰ وَلَبِئْسَ ٱلْعَشِيرُ ۝13
إِنَّ ٱللَّهَ يُدْخِلُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ جَنَّٰتٍ
تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ يَفْعَلُ مَا يُرِيدُ ۝14 مَن كَانَ
يَظُنُّ أَن لَّن يَنصُرَهُ ٱللَّهُ فِى ٱلدُّنْيَا وَٱلْءَاخِرَةِ فَلْيَمْدُدْ بِسَبَبٍ إِلَى
ٱلسَّمَآءِ ثُمَّ لْيَقْطَعْ فَلْيَنظُرْ هَلْ يُذْهِبَنَّ كَيْدُهُۥ مَا يَغِيظُ ۝15

6. Dak għaliex Alla huwa s-Sewwa. Huwa jagħti l-ħajja lill-mejtin, u Huwa fuq kollox Setgħan.
7. Tabilħaqq li s-Siegħa ġejja, ma hemmx dubju dwarha, u Alla jqajjem għall-ħajja lil min jinsab fl-oqbra.
8. Iżda fost il-bnedmin hemm min iħaqqaqha fuq Alla, mingħajr għarfien, bla tmexxija, u lanqas Ktieb li jdawwal *(moħħu bih)*.
9. Huwa jdawwar wiċċu u jitkabbar, biex itellef *(lil ħaddieħor)* it-triq ta' Alla. Huwa jkollu għajb f'*(din)* id-dinja, u f'Jum il-Qawmien indewquh il-kastig tal-ħruq.
10. *(Jintqal lilu)*: "Dak minħabba *(il-ħażen)* li għamlu idejk, għaliex Alla ma jonqosx lejn il-qaddejja *(tiegħu)*."
11. Fost in-nies hemm min iqim lil Alla b'nofs qalb. Jekk imissu l-ġid, *(arah)* jithenna bih, iżda jekk imissu t-tiġrib *(arah)* jerġa' lura għalli kien *(u jiċħad it-twemmin)*. Huwa jitlef *(din)* id-dinja u l-Oħra. Dik hija t-telfa mill-aktar ċara.
12. Minflok lil Alla, huwa jsejjaħ lil dak *(l-idolu)* li la jista' jagħmillu ħsara, u lanqas ikunlu ta' fejda. Dak huwa t-telfien il-kbir.
13. Huwa jsejjaħ lil dak *(il-protettur)* li l-ħsara tiegħu hija eqreb *(lejn il-bniedem)* milli l-fejda minnu. Ta' għajb tassew *(dak)* il-protettur, u ta' għajb is-sieħeb *(li joqgħod fuqu u jħalli f'idejh)*!
14. Tabilħaqq li Alla jdaħħal lil dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba f'Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom. Tassew li Alla jagħmel dak li jrid.
15. Min kien jaħseb li Alla ma huwiex se jgħinu *(lil Muħammad)* f*('din)* id-dinja u fl-Oħra, ħallih idendel ħabel mis-saqaf u jitgħallaq. Imbagħad ħallih jara jekk in-nasba tiegħu teħilsux minn dak li jiġiegħel *(lilu)* jagħdab.

وَكَذَٰلِكَ أَنزَلْنَٰهُ ءَايَٰتٍۭ بَيِّنَٰتٍ وَأَنَّ ٱللَّهَ يَهْدِى مَن يُرِيدُ
(16) إِنَّ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَٱلَّذِينَ هَادُوا۟ وَٱلصَّٰبِـُٔونَ وَٱلنَّصَٰرَىٰ
وَٱلْمَجُوسَ وَٱلَّذِينَ أَشْرَكُوٓا۟ إِنَّ ٱللَّهَ يَفْصِلُ بَيْنَهُمْ
يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ شَهِيدٌ (17) أَلَمْ تَرَ أَنَّ ٱللَّهَ
يَسْجُدُ لَهُۥ مَن فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَن فِى ٱلْأَرْضِ وَٱلشَّمْسُ وَٱلْقَمَرُ
وَٱلنُّجُومُ وَٱلْجِبَالُ وَٱلشَّجَرُ وَٱلدَّوَآبُّ وَكَثِيرٌ مِّنَ ٱلنَّاسِ ۖ
وَكَثِيرٌ حَقَّ عَلَيْهِ ٱلْعَذَابُ ۗ وَمَن يُهِنِ ٱللَّهُ فَمَا لَهُۥ مِن مُّكْرِمٍ ۚ
إِنَّ ٱللَّهَ يَفْعَلُ مَا يَشَآءُ ۩ (18) ۞ هَٰذَانِ خَصْمَانِ ٱخْتَصَمُوا۟
فِى رَبِّهِمْ ۖ فَٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ قُطِّعَتْ لَهُمْ ثِيَابٌ مِّن نَّارٍ يُصَبُّ
مِن فَوْقِ رُءُوسِهِمُ ٱلْحَمِيمُ (19) يُصْهَرُ بِهِۦ مَا فِى بُطُونِهِمْ
وَٱلْجُلُودُ (20) وَلَهُم مَّقَٰمِعُ مِنْ حَدِيدٍ (21) كُلَّمَآ أَرَادُوٓا۟
أَن يَخْرُجُوا۟ مِنْهَا مِنْ غَمٍّ أُعِيدُوا۟ فِيهَا وَذُوقُوا۟ عَذَابَ ٱلْحَرِيقِ
(22) إِنَّ ٱللَّهَ يُدْخِلُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ
جَنَّٰتٍ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ يُحَلَّوْنَ فِيهَا مِنْ
أَسَاوِرَ مِن ذَهَبٍ وَلُؤْلُؤًا ۖ وَلِبَاسُهُمْ فِيهَا حَرِيرٌ (23)

ربع الحزب 34 سجدة

16. Hekk niżżilnieh *(il-Qoran)*, f'versi ċari, u Alla jmexxi *(fit-triq it-tajba)* lil min irid.
17. Tabilħaqq li dawk li jemmnu *(il-Misilmin)*, u l-Lhud, is-Sabijin, l-Insara, il-Maġi, u dawk li xierku *(allat oħra ma' Alla)*, Alla tassew jaqtagħha bejniethom f'Jum il-Qawmien. Alla tabilħaqq huwa ta' kollox ix-Xhud.
18. Mela ma tarax li quddiem Alla jinxteħet bil-qima kulmin jinsab fis-smewwiet u fl-art, u x-xemx, il-qamar, il-kwiekeb, l-iġbla, is-siġar, il-bhejjem, u ħafna min-nies? U ħafna jistħoqqilhom il-kastig. Dak li Alla jċekken *(bil-kastig li jagħtih)* ma jsibx min jagħtih ġieħ. Tassew li Alla jagħmel dak li jrid.
19. Dawn huma żewġ ġemgħat kontra xulxin *(ta' dawk li jemmnu u dawk li ma jemmnux)* li ħaqquha bejniethom dwar Sidhom *(il-Mulej)*: dawk li jiċħdu *(lil Alla)* jitfasslilhom ilbies tan-nar, u fuq irjushom jitferra' l-ilma jagħli.
20. Bih jiddewweb dak li hemm f'żaqqhom, u l-ġlud *(tagħhom)*.
21. U jkollhom *(imħejji għalihom)* mazez tal-ħadid *(biex jissawtu bihom)*.
22. Kull darba li jkunu jridu joħorġu minn hemm, fid-diqa kbira *(tagħhom)*, jintraddu lura fih *(fin-Nar)* u *(jintqalilhom)*: "Duqu l-kastig tal-ħruq!"
23. Alla tabilħaqq idaħħal lil dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba f'Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom. Fihom jiżżejnu bi brazzuletti tad-deheb u l-perli, u lbieshom fihom *(f'dawk il-Ġonna, ikun)* tal-ħarir.

وَهُدُوٓا۟ إِلَى ٱلطَّيِّبِ مِنَ ٱلْقَوْلِ وَهُدُوٓا۟ إِلَىٰ صِرَٰطِ ٱلْحَمِيدِ
(24) إِنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ وَيَصُدُّونَ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ وَٱلْمَسْجِدِ
ٱلْحَرَامِ ٱلَّذِى جَعَلْنَٰهُ لِلنَّاسِ سَوَآءً ٱلْعَٰكِفُ فِيهِ وَٱلْبَادِ ۚ
وَمَن يُرِدْ فِيهِ بِإِلْحَادٍۭ بِظُلْمٍ نُّذِقْهُ مِنْ عَذَابٍ أَلِيمٍ (25)
وَإِذْ بَوَّأْنَا لِإِبْرَٰهِيمَ مَكَانَ ٱلْبَيْتِ أَن لَّا تُشْرِكْ بِى
شَيْـًٔا وَطَهِّرْ بَيْتِىَ لِلطَّآئِفِينَ وَٱلْقَآئِمِينَ وَٱلرُّكَّعِ
ٱلسُّجُودِ (26) وَأَذِّن فِى ٱلنَّاسِ بِٱلْحَجِّ يَأْتُوكَ رِجَالًا وَعَلَىٰ
كُلِّ ضَامِرٍ يَأْتِينَ مِن كُلِّ فَجٍّ عَمِيقٍ (27) لِّيَشْهَدُوا۟
مَنَٰفِعَ لَهُمْ وَيَذْكُرُوا۟ ٱسْمَ ٱللَّهِ فِىٓ أَيَّامٍ مَّعْلُومَٰتٍ
عَلَىٰ مَا رَزَقَهُم مِّنۢ بَهِيمَةِ ٱلْأَنْعَٰمِ ۖ فَكُلُوا۟ مِنْهَا وَأَطْعِمُوا۟
ٱلْبَآئِسَ ٱلْفَقِيرَ (28) ثُمَّ لْيَقْضُوا۟ تَفَثَهُمْ وَلْيُوفُوا۟
نُذُورَهُمْ وَلْيَطَّوَّفُوا۟ بِٱلْبَيْتِ ٱلْعَتِيقِ (29) ذَٰلِكَ وَمَن
يُعَظِّمْ حُرُمَٰتِ ٱللَّهِ فَهُوَ خَيْرٌ لَّهُۥ عِندَ رَبِّهِۦ ۗ وَأُحِلَّتْ
لَكُمُ ٱلْأَنْعَٰمُ إِلَّا مَا يُتْلَىٰ عَلَيْكُمْ ۖ فَٱجْتَنِبُوا۟
ٱلرِّجْسَ مِنَ ٱلْأَوْثَٰنِ وَٱجْتَنِبُوا۟ قَوْلَ ٱلزُّورِ (30)

24. Huma tmexxew lejn il-kliem it-tajjeb, u tmexxew lejn it-triq ta' Dak li jistħoqq kull tifħir.

25. Tabilħaqq li dawk li jiċħdu t-twemmin u jżommu *(lil ħaddieħor)* mit-triq ta' Alla u mill-Moskea mqaddsa – li Aħna għamilnieha għan-nies *(kollha)* indaqs, sew għal dak li joqgħod qribha *(f'Mekka)*, u sew għal dak minn barra l-belt – *(huma tellifin)*, u min irid ikasbar qdusitha bil-ħażen, indewquh kastig ta' wġigħ.

26. *(Ftakar Muħammad)* meta wrejna lil Abraham l-imkien tad-dar *(imqaddsa, u għednielu)*: "La xxierek xejn miegħi, u saffi lil dari għal dawk li se jduru magħha, dawk li jqumu bil-wieqfa jitolbu, u dawk li jmilu u jinxteħtu fl-art *(fit-talb tagħhom)*."

27. U sejjaħ lin-nies għall-pellegrinaġġ: huma jiġuk bil-mixi u fuq kull ġemel magħlub *(mis-safra twila)*. Huma jaslu minn kull triq imbiegħda,

28. biex jixhdu għal fejdiet kbar *(imħejjija)* għalihom, u jsemmu Isem Alla f'jiem magħrufa fuq il-bhejjem li tahom *(biex joffruhom b'sagrifiċċju)*. Mela kulu minnhom, u itimgħu l-miżerabbli, il-fqir.

29. Imbagħad ħallihom itemmu r-riti ta' tisfija, iwettqu l-wegħdi tagħhom, u jduru mad-dar *(imqaddsa)* il-qadima.

30. Dak hu *(il-pellegrinaġġ)*, u min jagħti ġieħ *(u jħares)* ir-riti qaddisa ta' Alla, ikun aħjar għalih quddiem Sidu *(il-Mulej)*. Il-frat jiswa li tikluhom *(waqt il-pellegrinaġġ)*, għajr dawk li ntqalilkom *(biex ma tikluhomx)*. Warrbu mit-tinġis ta' l-idoli, u warrbu mill-kliem qarrieq u falz,

حُنَفَآءَ لِلَّهِ غَيْرَ مُشْرِكِينَ بِهِۦ ۚ وَمَن يُشْرِكْ بِٱللَّهِ فَكَأَنَّمَا خَرَّ مِنَ
ٱلسَّمَآءِ فَتَخْطَفُهُ ٱلطَّيْرُ أَوْ تَهْوِى بِهِ ٱلرِّيحُ فِى مَكَانٍ سَحِيقٍ
(31) ذَٰلِكَ وَمَن يُعَظِّمْ شَعَٰٓئِرَ ٱللَّهِ فَإِنَّهَا مِن تَقْوَى ٱلْقُلُوبِ
(32) لَكُمْ فِيهَا مَنَٰفِعُ إِلَىٰٓ أَجَلٍ مُّسَمًّى ثُمَّ مَحِلُّهَآ إِلَى ٱلْبَيْتِ
ٱلْعَتِيقِ (33) وَلِكُلِّ أُمَّةٍ جَعَلْنَا مَنسَكًا لِّيَذْكُرُوا۟ ٱسْمَ
ٱللَّهِ عَلَىٰ مَا رَزَقَهُم مِّنۢ بَهِيمَةِ ٱلْأَنْعَٰمِ ۗ فَإِلَٰهُكُمْ إِلَٰهٌ وَٰحِدٌ
فَلَهُۥٓ أَسْلِمُوا۟ ۗ وَبَشِّرِ ٱلْمُخْبِتِينَ (34) ٱلَّذِينَ إِذَا ذُكِرَ ٱللَّهُ وَجِلَتْ
قُلُوبُهُمْ وَٱلصَّٰبِرِينَ عَلَىٰ مَآ أَصَابَهُمْ وَٱلْمُقِيمِى ٱلصَّلَوٰةِ وَمِمَّا
رَزَقْنَٰهُمْ يُنفِقُونَ (35) وَٱلْبُدْنَ جَعَلْنَٰهَا لَكُم مِّن شَعَٰٓئِرِ
ٱللَّهِ لَكُمْ فِيهَا خَيْرٌ ۖ فَٱذْكُرُوا۟ ٱسْمَ ٱللَّهِ عَلَيْهَا صَوَآفَّ ۖ فَإِذَا وَجَبَتْ
جُنُوبُهَا فَكُلُوا۟ مِنْهَا وَأَطْعِمُوا۟ ٱلْقَانِعَ وَٱلْمُعْتَرَّ ۚ كَذَٰلِكَ سَخَّرْنَٰهَا
لَكُمْ لَعَلَّكُمْ تَشْكُرُونَ (36) لَن يَنَالَ ٱللَّهَ لُحُومُهَا وَلَا دِمَآؤُهَا
وَلَٰكِن يَنَالُهُ ٱلتَّقْوَىٰ مِنكُمْ ۚ كَذَٰلِكَ سَخَّرَهَا لَكُمْ لِتُكَبِّرُوا۟
ٱللَّهَ عَلَىٰ مَا هَدَىٰكُمْ ۗ وَبَشِّرِ ٱلْمُحْسِنِينَ (37) ۞ إِنَّ ٱللَّهَ
يُدَٰفِعُ عَنِ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يُحِبُّ كُلَّ خَوَّانٍ كَفُورٍ (38)

نصف الحزب 34

31. *(u kunu)* safjin fit-twemmin f'Alla, u mingħajr ma xxierku *(allat oħra)* miegħu. U min ixierek ma' Alla, ikun bħallikieku waqa' mis-sema u jaħtfu t-tajr *(u jieklu)*, jew jixħtu r-riħ fi mkien imbiegħed *(u jintilef)*.
32. Dak *(hu l-amar ta' Alla)*, u min iweġġaħ ir-riti *(mqaddsa)* ta' Alla, dan *(ikun ġej)* mill-biża' ta' Alla li hemm fil-qlub.
33. F'dawn *(il-bhejjem)* issibu fejda kbira għal żmien imsemmi, imbagħad *(jinġiebu)* lejn il-post tad-debħa tagħhom ħdejn id-dar *(imqaddsa)* il-qadima *(f'Mekka jew f'Minā)*.
34. Lil kull ġens tajna rit *(ta' debħa)* biex isemmu Isem Alla fuq il-bhejjem li tahom *(waqt li joqtluhom)*. Alla tagħkom huwa Alla Wieħed! Mela ntelqu f'idejh! U agħti *(Muħammad)* il-bxara t-tajba lill-umli,
35. dawk li meta jissemma Alla, qlubhom jitbeżżgħu; li jistabru f'dak *(is-saram)* li jintlaqtu bih, u li jagħmlu t-talb u jonfqu mill-ġid li tajniehom.
36. L-iġmla *(għad-debħa)* għamilnihomlkom fost ir-riti *(mqaddsa)* ta' Alla, u fihom għandkom il-ġid. Għalhekk semmu Isem Alla fuqhom meta jkunu weqfin *(imħejjija għad-debħa)*. U meta jkunu fuq ġenbhom *(mejtin wara d-debħa)*, kulu minnhom u itimgħu lil dak *(li jżomm lura milli jittallab u)* li jgħaddi b'li għandu, u lil dak li jittallab kif jixraq. Hekk qegħedniehom *(il-bhejjem)* taħt idejkom biex forsi tiżżu ħajr.
37. Mhux laħamhom, u lanqas id-dmija tagħhom, li jaslu għand Alla, iżda hija l-qima u l-biża' tagħkom għal Alla li jaslu għandu. Għalhekk qegħedhom *(il-bhejjem)* taħt idejkom biex tfaħħru lil Alla talli mexxiekom *(fit-triq it-tajba)*. U agħti *(Muħammad)* il-bxara t-tajba lil dawk li jagħmlu t-tajjeb.
38. Alla tabilħaqq jaqbeż għal dawk li jemmnu! Tassew li Alla ma jħobbx lil kull traditur ingrat.

أُذِنَ لِلَّذِينَ يُقَٰتَلُونَ بِأَنَّهُمْ ظُلِمُوا۟ ۚ وَإِنَّ ٱللَّهَ عَلَىٰ نَصْرِهِمْ
لَقَدِيرٌ ﴿39﴾ ٱلَّذِينَ أُخْرِجُوا۟ مِن دِيَٰرِهِم بِغَيْرِ حَقٍّ إِلَّآ أَن
يَقُولُوا۟ رَبُّنَا ٱللَّهُ ۗ وَلَوْلَا دَفْعُ ٱللَّهِ ٱلنَّاسَ بَعْضَهُم بِبَعْضٍ لَّهُدِّمَتْ
صَوَٰمِعُ وَبِيَعٌ وَصَلَوَٰتٌ وَمَسَٰجِدُ يُذْكَرُ فِيهَا ٱسْمُ ٱللَّهِ
كَثِيرًا ۗ وَلَيَنصُرَنَّ ٱللَّهُ مَن يَنصُرُهُۥٓ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ لَقَوِىٌّ
عَزِيزٌ ﴿40﴾ ٱلَّذِينَ إِن مَّكَّنَّٰهُمْ فِى ٱلْأَرْضِ أَقَامُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ
وَءَاتَوُا۟ ٱلزَّكَوٰةَ وَأَمَرُوا۟ بِٱلْمَعْرُوفِ وَنَهَوْا۟ عَنِ ٱلْمُنكَرِ ۗ
وَلِلَّهِ عَٰقِبَةُ ٱلْأُمُورِ ﴿41﴾ وَإِن يُكَذِّبُوكَ فَقَدْ كَذَّبَتْ
قَبْلَهُمْ قَوْمُ نُوحٍ وَعَادٌ وَثَمُودُ ﴿42﴾ وَقَوْمُ إِبْرَٰهِيمَ وَقَوْمُ لُوطٍ ﴿43﴾
وَأَصْحَٰبُ مَدْيَنَ ۖ وَكُذِّبَ مُوسَىٰ فَأَمْلَيْتُ لِلْكَٰفِرِينَ ثُمَّ
أَخَذْتُهُمْ ۖ فَكَيْفَ كَانَ نَكِيرِ ﴿44﴾ فَكَأَيِّن مِّن قَرْيَةٍ
أَهْلَكْنَٰهَا وَهِىَ ظَالِمَةٌ فَهِىَ خَاوِيَةٌ عَلَىٰ عُرُوشِهَا
وَبِئْرٍ مُّعَطَّلَةٍ وَقَصْرٍ مَّشِيدٍ ﴿45﴾ أَفَلَمْ يَسِيرُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ
فَتَكُونَ لَهُمْ قُلُوبٌ يَعْقِلُونَ بِهَآ أَوْ ءَاذَانٌ يَسْمَعُونَ بِهَا ۖ فَإِنَّهَا
لَا تَعْمَى ٱلْأَبْصَٰرُ وَلَٰكِن تَعْمَى ٱلْقُلُوبُ ٱلَّتِى فِى ٱلصُّدُورِ ﴿46﴾

39. Dawk li huma attakkati ngħatalhom permess *(li jiġġieldu biex jiddefendu rwieħhom)*, għaliex saret inġustizzja kontrihom. Alla tabilħaqq Setgħan *(biżżejjed)* biex jagħtihom ir-rebħa.

40. *(Huma dawk)* li nħarġu minn djarhom, kontra l-ħaqq *(u għalxejn b'xejn)*, ħlief għaliex jistqarru: "Sidna huwa Alla!" U li kieku Alla ma bagħatx nies *(jitqabdu)* kontra nies, kieku kienu jiġġarrfu kunventi *(sħaħ)*, knejjes, sinagogi, u moskej li fihom jissemma ħafna Isem Alla. Tabilħaqq li Alla jieqaf ma' min jieqaf miegħu. Alla huwa tassew Qawwi, Felħan.

41. *(Dawk li Alla jieqaf magħhom huma dawk)* li, meta nsaħħuhom fuq l-art, *(ma jinsewx lil Alla u)* jagħmlu t-talb, jagħtu l-karità, jamru t-tajjeb u ma jħallux il-ħażin. U ta' Alla huwa t-tmiem ta' kollox.

42. U jekk *(issa l-pagani f'Mekka)* qegħdin igiddbuk *(Muħammad, la tinsiex li)* qabilhom nies Noè, Għād, u Tamūd kienu tassew giddbu *(lill-Mibgħutin ta' Alla)*,

43. u nies Abraham, u nies Lot,

44. u nies Madjan *(ukoll)*, u tgiddeb Mosè *(bħall-bqija tal-Mibgħutin)*. Għalhekk tajt aktar żmien lil dawk li ma jemmnux, u mbagħad ħadthom *(għal għarrieda)* u kkastigajthom. U kemm kienu *(tal-biża')* il-kundanna u l-kastig tiegħi! *(Hekk ukoll nagħmel mal-pagani ta' Mekka)*!

45. Kemm-il belt qridna fil-ħażen tagħha, u *(issa tinsab)* bis-sisien tagħha mġarrfa, u *(kemm-il)* bir mitluq, u *(kemm-il)* palazz kbir u mill-isbaħ *(u issa ħadd ma jgħammar fih)*!

46. Mela ma jterrqux fl-art u *(b'hekk)* ikollhom qlub *(u mħuħ)* biex jifhmu bihom *(u jintebħu bil-kastig il-kbir li qered dawk il-bliet)*, jew widnejn biex jisimgħu bihom? Għaliex ma humiex l-għajnejn li jagħmew, iżda huma l-qlub fl-isdra li jagħmew.

وَيَسْتَعْجِلُونَكَ بِالْعَذَابِ وَلَن يُخْلِفَ اللَّهُ وَعْدَهُۥ ۚ وَإِنَّ يَوْمًا
عِندَ رَبِّكَ كَأَلْفِ سَنَةٍ مِّمَّا تَعُدُّونَ ﴿47﴾ وَكَأَيِّن مِّن
قَرْيَةٍ أَمْلَيْتُ لَهَا وَهِىَ ظَالِمَةٌ ثُمَّ أَخَذْتُهَا وَإِلَىَّ ٱلْمَصِيرُ
﴿48﴾ قُلْ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ إِنَّمَآ أَنَا۠ لَكُمْ نَذِيرٌ مُّبِينٌ ﴿49﴾ فَٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ لَهُم مَّغْفِرَةٌ وَرِزْقٌ كَرِيمٌ ﴿50﴾
وَٱلَّذِينَ سَعَوْ فِىٓ ءَايَٰتِنَا مُعَٰجِزِينَ أُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلْجَحِيمِ
﴿51﴾ وَمَآ أَرْسَلْنَا مِن قَبْلِكَ مِن رَّسُولٍ وَلَا نَبِىٍّ إِلَّآ إِذَا تَمَنَّىٰٓ
أَلْقَى ٱلشَّيْطَٰنُ فِىٓ أُمْنِيَّتِهِۦ فَيَنسَخُ ٱللَّهُ مَا يُلْقِى ٱلشَّيْطَٰنُ
ثُمَّ يُحْكِمُ ٱللَّهُ ءَايَٰتِهِۦ ۗ وَٱللَّهُ عَلِيمٌ حَكِيمٌ ﴿52﴾ لِّيَجْعَلَ
مَا يُلْقِى ٱلشَّيْطَٰنُ فِتْنَةً لِّلَّذِينَ فِى قُلُوبِهِم مَّرَضٌ وَٱلْقَاسِيَةِ
قُلُوبُهُمْ ۗ وَإِنَّ ٱلظَّٰلِمِينَ لَفِى شِقَاقٍۭ بَعِيدٍ ﴿53﴾ وَلِيَعْلَمَ
ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْعِلْمَ أَنَّهُ ٱلْحَقُّ مِن رَّبِّكَ فَيُؤْمِنُوا۟ بِهِۦ
فَتُخْبِتَ لَهُۥ قُلُوبُهُمْ ۗ وَإِنَّ ٱللَّهَ لَهَادِ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِلَىٰ صِرَٰطٍ
مُّسْتَقِيمٍ ﴿54﴾ وَلَا يَزَالُ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ فِى مِرْيَةٍ مِّنْهُ حَتَّىٰ
تَأْتِيَهُمُ ٱلسَّاعَةُ بَغْتَةً أَوْ يَأْتِيَهُمْ عَذَابُ يَوْمٍ عَقِيمٍ ﴿55﴾

47. Huma jgħaġġluk *(Muħammad u jisfidawk biex iġġib fuqhom)* il-kastig, u Alla ma huwiex se jikser il-wegħda tiegħu. Tabilħaqq li għal Sidek, jum wieħed huwa bħal elf sena minn dawk li intom tgħoddu.

48. U kemm-il belt, fil-ħażen tagħha, tajtha aktar żmien, imbagħad ħadtha *(għal għarrieda)* u kkastigajtha, u lejja t-tmiem *(ta' kollox)*.

49. Għid *(Muħammad)*: "Ja nies, jiena *(mibgħut)* għandkom biss biex inwissikom bil-miftuħ.

50. Dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba għandhom maħfra u ġid kotran *(fil-Ġenna)*.

51. Iżda dawk li jħabirku biex ixejnu r-Rivelazzjoni tagħna, dawk huma nies in-Nar!"

52. U ma bgħatna ebda Mibgħut qablek *(Muħammad)*, jew Profeta, li x-Xitan ma xeħitx *(id-dubju fi qlub in-nies)* dwar dak *(il-ġid)* li *(il-Profeta)* kien jixtieq *(għalihom)*. Iżda Alla jneħħi dak *(id-dubju)* li x-Xitan jixħet, u mbagħad Alla jwettaq is-sinjali tiegħu. Alla jaf kollox u Għaref.

53. *(Alla jħalli dan iseħħ)* biex dak *(id-dubju)* li x-Xitan jixħet *(fin-nies)* jagħmlu tiġrib għal dawk li fi qlubhom hemm marda, u *(għal)* dawk *(il-pagani)* ta' qalbhom iebsa. Tabilħaqq li l-ħżiena jinsabu mifrudin sew *(minn Alla, u huma mitlufin)*,

54. u *(Alla jħalli dan iseħħ)* biex dawk li ngħataw l-għarfien ikunu jafu li *(il-Qoran)* huwa s-sewwa minn Sidek, jemmnu fih, u qlubhom jiċċekknu għalih *(fl-umiltà, u jithennew bih)*. Alla tabilħaqq imexxi lil dawk li jemmnu lejn triq dritta.

55. Dawk li m'emmnux jibqgħu fid-dubju dwaru *(il-Qoran)*, sa ma tiġi s-Siegħa fuqhom għal għarrieda, jew jiġi fuqhom il-kastig ta' Jum ta' qerda kbira.

ٱلْمُلْكُ يَوْمَئِذٍ لِّلَّهِ يَحْكُمُ بَيْنَهُمْ ۚ فَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟
وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ فِى جَنَّٰتِ ٱلنَّعِيمِ ﴿56﴾ وَٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟
وَكَذَّبُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَا فَأُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمْ عَذَابٌ مُّهِينٌ ﴿57﴾
وَٱلَّذِينَ هَاجَرُوا۟ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ ثُمَّ قُتِلُوٓا۟ أَوْ مَاتُوا۟
لَيَرْزُقَنَّهُمُ ٱللَّهُ رِزْقًا حَسَنًا ۚ وَإِنَّ ٱللَّهَ لَهُوَ خَيْرُ
ٱلرَّٰزِقِينَ ﴿58﴾ لَيُدْخِلَنَّهُم مُّدْخَلًا يَرْضَوْنَهُۥ ۗ وَإِنَّ
ٱللَّهَ لَعَلِيمٌ حَلِيمٌ ﴿59﴾ ذَٰلِكَ وَمَنْ عَاقَبَ بِمِثْلِ
مَا عُوقِبَ بِهِۦ ثُمَّ بُغِىَ عَلَيْهِ لَيَنصُرَنَّهُ ٱللَّهُ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ
لَعَفُوٌّ غَفُورٌ ﴿60﴾ ذَٰلِكَ بِأَنَّ ٱللَّهَ يُولِجُ ٱلَّيْلَ فِى
ٱلنَّهَارِ وَيُولِجُ ٱلنَّهَارَ فِى ٱلَّيْلِ وَأَنَّ ٱللَّهَ سَمِيعٌۢ بَصِيرٌ
﴿61﴾ ذَٰلِكَ بِأَنَّ ٱللَّهَ هُوَ ٱلْحَقُّ وَأَنَّ مَا يَدْعُونَ مِن
دُونِهِۦ هُوَ ٱلْبَٰطِلُ وَأَنَّ ٱللَّهَ هُوَ ٱلْعَلِىُّ ٱلْكَبِيرُ ﴿62﴾
أَلَمْ تَرَ أَنَّ ٱللَّهَ أَنزَلَ مِنَ ٱلسَّمَآءِ مَآءً فَتُصْبِحُ ٱلْأَرْضُ
مُخْضَرَّةً ۗ إِنَّ ٱللَّهَ لَطِيفٌ خَبِيرٌ ﴿63﴾ لَّهُۥ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَمَا فِى ٱلْأَرْضِ ۗ وَإِنَّ ٱللَّهَ لَهُوَ ٱلْغَنِىُّ ٱلْحَمِيدُ ﴿64﴾

ثلاثة أرباع
الحزب
34

56. Dakinhar is-Saltna tkun ta' Alla *(biss)*, u jagħmel ħaqq bejniethom. Għalhekk dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba jkunu fil-Ġonna ta' l-hena.

57. U dawk li ma jemmnux u jgiddbu s-sinjali u r-Rivelazzjoni tagħna, dawk għandhom kastig ta' tkasbir.

58. Dawk li emigraw għal Alla *(u tqatlu biex jgħollu Isem Alla u l-Islam)*, imbagħad inqatlu, jew mietu, Alla tassew jagħtihom ġid tajjeb. Alla tabilħaqq huwa l-Aħjar fost dawk li jqassmu l-ġid!

59. Huwa tassew idaħħalhom fi mkien li jogħġobhom *(il-Ġenna)*. Alla tabilħaqq jaf kollox, u Kollu Ħlewwa u Sabar *(mal-midinbin)*.

60. Dak *(kollu minnu)*. U min jikkastiga bl-istess *(mod)* li kien ikkastigat, u mbagħad *(dak li jemmen)* jerġa' jbati inġustizzja, Alla tassew jgħinu. Tabilħaqq li Alla huwa Kollu Mogħdrija u Kollu Maħfra.

61. Dan *(jista' jagħmlu)*, għaliex Alla *(għandu s-setgħa)* idaħħal il-lejl fin-nhar, u jdaħħal in-nhar fil-lejl, u għaliex Alla jisma' kollox u jara kollox.

62. Dan għaliex Alla huwa s-Sewwa, u għaliex dak li huma jsejħu minfloku huwa qerq, u għaliex Alla huwa l-Għoli, il-Kbir.

63. Mela ma tarax li Alla jniżżel ilma mis-sema, u l-art tħaddar *(bis-setgħa tiegħu)*? Tabilħaqq li Alla jipprovdi b'mod mistur, u jaf sewwa.

64. Tiegħu kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art, u Alla tabilħaqq huwa l-Għani *(li ma jeħtieġ xejn, u lil ħadd)*, u jistħoqq kull tifħir.

أَلَمْ تَرَ أَنَّ ٱللَّهَ سَخَّرَ لَكُم مَّا فِى ٱلْأَرْضِ وَٱلْفُلْكَ تَجْرِى فِى ٱلْبَحْرِ
بِأَمْرِهِۦ ۖ وَيُمْسِكُ ٱلسَّمَآءَ أَن تَقَعَ عَلَى ٱلْأَرْضِ إِلَّا بِإِذْنِهِۦٓ ۚ إِنَّ
ٱللَّهَ بِٱلنَّاسِ لَرَءُوفٌ رَّحِيمٌ ﴿65﴾ وَهُوَ ٱلَّذِىٓ أَحْيَاكُمْ
ثُمَّ يُمِيتُكُمْ ثُمَّ يُحْيِيكُمْ ۗ إِنَّ ٱلْإِنسَٰنَ لَكَفُورٌ ﴿66﴾
لِّكُلِّ أُمَّةٍ جَعَلْنَا مَنسَكًا هُمْ نَاسِكُوهُ ۖ فَلَا يُنَٰزِعُنَّكَ
فِى ٱلْأَمْرِ ۘ وَٱدْعُ إِلَىٰ رَبِّكَ ۖ إِنَّكَ لَعَلَىٰ هُدًى مُّسْتَقِيمٍ ﴿67﴾
وَإِن جَٰدَلُوكَ فَقُلِ ٱللَّهُ أَعْلَمُ بِمَا تَعْمَلُونَ ﴿68﴾ ٱللَّهُ يَحْكُمُ
بَيْنَكُمْ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ فِيمَا كُنتُمْ فِيهِ تَخْتَلِفُونَ ﴿69﴾
أَلَمْ تَعْلَمْ أَنَّ ٱللَّهَ يَعْلَمُ مَا فِى ٱلسَّمَآءِ وَٱلْأَرْضِ ۗ إِنَّ ذَٰلِكَ
فِى كِتَٰبٍ ۚ إِنَّ ذَٰلِكَ عَلَى ٱللَّهِ يَسِيرٌ ﴿70﴾ وَيَعْبُدُونَ مِن دُونِ
ٱللَّهِ مَا لَمْ يُنَزِّلْ بِهِۦ سُلْطَٰنًا وَمَا لَيْسَ لَهُم بِهِۦ عِلْمٌ ۗ وَمَا لِلظَّٰلِمِينَ
مِن نَّصِيرٍ ﴿71﴾ وَإِذَا تُتْلَىٰ عَلَيْهِمْ ءَايَٰتُنَا بَيِّنَٰتٍ تَعْرِفُ فِى
وُجُوهِ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ ٱلْمُنكَرَ ۖ يَكَادُونَ يَسْطُونَ
بِٱلَّذِينَ يَتْلُونَ عَلَيْهِمْ ءَايَٰتِنَا ۗ قُلْ أَفَأُنَبِّئُكُم بِشَرٍّ مِّن
ذَٰلِكُمُ ۗ ٱلنَّارُ وَعَدَهَا ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ ۖ وَبِئْسَ ٱلْمَصِيرُ ﴿72﴾

65. Mela ma tarax li Alla qiegħed kulma jinsab fuq l-art taħt idejkom, *(fosthom)* l-imriekeb li jiġru fil-baħar bl-amar tiegħu, u li Huwa jżomm is-sema milli jaqa' fuq l-art, jekk mhux bl-amar tiegħu? Alla tabilħaqq huwa Kollu Tjubija u Ħanin man-nies!

66. Huwa li takom il-ħajja, imbagħad jibagħtilkom il-mewt, imbagħad *(jerġa')* jagħtikom il-ħajja. Tabilħaqq li l-bniedem ma jafħulux *(lil Alla)*.

67. Lil kull ġens tajna r-rit li għandu jimxi fuqu, u għalhekk ara li ma tħallihomx iħaqquha miegħek fuq *(din)* il-ħaġa. U sejjaħ *(Muħammad)* lil Sidek! Inti tassew tinsab fi triq dritta.

68. U jekk iħaqquha miegħek *(minkejja li deher is-sewwa)*, għid*(ilhom)*: "Alla jaf l-aktar b'dak li tagħmlu!

69. Alla jagħmel ħaqq minnkom *(it-tajbin u l-ħżiena)* f'Jum il-Qawmien, dwar dak li ma kontux taqblu fuqu."

70. Mela ma tafx *(Muħammad)* li Alla jaf b'dak li jinsab fis-sema u fl-art. Tabilħaqq li dak *(kollu)* jinsab fi Ktieb, u tassew li dak huwa ħafif għal Alla!

71. Iżda minflok Alla *(nies Qurajx)* iqimu dak li dwaru ma ngħatat ebda prova, u dak li dwaru ma għandhomx għarfien. Il-ħżiena ma għandhomx min jgħinhom *(u jbiegħed minnhom il-kastig)*.

72. U meta l-versi ċari tagħna jinqrawlhom *(lill-pagani, malajr)* tagħraf iċ-ċaħda fl-uċuħ *(imqita)* ta' dawk li ma jemmnux, *(hekk li)* jkunu ħerqanin li jaqbżu fuq dawk li jaqrawlhom il-versi tagħna. Għid*(ilhom)*: "Tridux inħabbrilkom ħaġa aġħar minn hekk? Huwa n-Nar li Alla wiegħed lil dawk li ma jemmnux; *(dan ikun tassew)* tmiem ta' għajb!"

يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ ضُرِبَ مَثَلٌ فَٱسْتَمِعُوا۟ لَهُۥٓ ۚ إِنَّ ٱلَّذِينَ
تَدْعُونَ مِن دُونِ ٱللَّهِ لَن يَخْلُقُوا۟ ذُبَابًا وَلَوِ ٱجْتَمَعُوا۟ لَهُۥ ۖ
وَإِن يَسْلُبْهُمُ ٱلذُّبَابُ شَيْـًٔا لَّا يَسْتَنقِذُوهُ مِنْهُ ۚ ضَعُفَ
ٱلطَّالِبُ وَٱلْمَطْلُوبُ ﴿73﴾ مَا قَدَرُوا۟ ٱللَّهَ حَقَّ قَدْرِهِۦٓ ۖ إِنَّ
ٱللَّهَ لَقَوِىٌّ عَزِيزٌ ﴿74﴾ ٱللَّهُ يَصْطَفِى مِنَ ٱلْمَلَٰٓئِكَةِ
رُسُلًا وَمِنَ ٱلنَّاسِ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ سَمِيعٌۢ بَصِيرٌ ﴿75﴾ يَعْلَمُ
مَا بَيْنَ أَيْدِيهِمْ وَمَا خَلْفَهُمْ ۗ وَإِلَى ٱللَّهِ تُرْجَعُ ٱلْأُمُورُ ﴿76﴾
يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ٱرْكَعُوا۟ وَٱسْجُدُوا۟ وَٱعْبُدُوا۟
رَبَّكُمْ وَٱفْعَلُوا۟ ٱلْخَيْرَ لَعَلَّكُمْ تُفْلِحُونَ ﴿77﴾ سجدة
وَجَٰهِدُوا۟ فِى ٱللَّهِ حَقَّ جِهَادِهِۦ ۚ هُوَ ٱجْتَبَىٰكُمْ وَمَا جَعَلَ
عَلَيْكُمْ فِى ٱلدِّينِ مِنْ حَرَجٍ ۚ مِّلَّةَ أَبِيكُمْ إِبْرَٰهِيمَ ۚ هُوَ سَمَّىٰكُمُ
ٱلْمُسْلِمِينَ مِن قَبْلُ وَفِى هَٰذَا لِيَكُونَ ٱلرَّسُولُ شَهِيدًا عَلَيْكُمْ
وَتَكُونُوا۟ شُهَدَآءَ عَلَى ٱلنَّاسِ ۚ فَأَقِيمُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ وَءَاتُوا۟ ٱلزَّكَوٰةَ
وَٱعْتَصِمُوا۟ بِٱللَّهِ هُوَ مَوْلَىٰكُمْ ۖ فَنِعْمَ ٱلْمَوْلَىٰ وَنِعْمَ ٱلنَّصِيرُ ﴿78﴾

سُورَةُ الْمُؤْمِنُونَ

73. Ja nies, hemm tixbiha, mela isimgħuha *(u xtarruha sewwa)*! Tabilħaqq li dawk *(l-allat)* li ssejħu minflok Alla, ma jistgħux joħolqu *(imqar)* dubbien, lanqas jekk jingemgħu lkoll flimkien għal dan il-għan. U jekk id-dubbien jisirqilhom xi ħaġa *(mill-ikel imqiegħed quddiemhom, dawn)* lanqas ikunu jistgħu jeħduha lura mingħandhom. Huwa dgħajjef it-tallab *(il-pagan)* u l-mitlub *(l-idolu li jqim)*.

74. Huma ma qisux lil Alla kif jixraq li jkun meqjus. Alla huwa tabilħaqq Qawwi, Felħan.

75. Alla jagħżel Mibgħutin minn fost l-anġli u l-bnedmin. Alla tabilħaqq jisma' kollox u jara kollox.

76. Huwa jaf dak li hemm quddiemhom u warajhom. Kollox jerġa' lura għand Alla *(għad-deċiżjoni tiegħu)*.

77. Intom li temmnu, milu, inxteħtu fl-art u qimu lil Sidkom *(il-Mulej biss)*, u agħmlu l-ġid biex forsi tkunu rebbieħin *(u tkun tistħoqqilkom il-Ġenna)*.

78. U ħabirku *(bikom infuskom u bil-ġid tagħkom)* għal Alla kif jixraq li tħabirku. Huwa għażilkom *(minn bejn il-ġnus)*, u ma għamlilkom ebda xkiel fid-din, *(li huwa)* it-twemmin ta' missierkom Abraham. Huwa li semmiekom Misilmin, *(sew fil-Kotba mqaddsa ta')* qabel u f'dan *(il-Qoran)*, biex il-Mibgħut ikun xhud għalikom *(u jistqarr li xandrilkom l-Islam)*, u intom tkunu xhieda għan-nies *(l-oħra u tistqarru li ġewhom il-Mibgħutin tagħhom biex ixandrulhom)*. Mela agħmlu t-talb, agħtu l-karità, u żommu sħiħ f'Alla! Huwa l-Mulej tagħkom, u lil ħadd *(ma ssibu)* aħjar minnu fil-ħarsien, u aħjar minnu fl-għajnuna!

بسم الله الرحمن الرحيم

الجزء 18
الحزب 35

قَدْ أَفْلَحَ الْمُؤْمِنُونَ ﴿1﴾ الَّذِينَ هُمْ فِي صَلَاتِهِمْ خَاشِعُونَ ﴿2﴾
وَالَّذِينَ هُمْ عَنِ اللَّغْوِ مُعْرِضُونَ ﴿3﴾ وَالَّذِينَ هُمْ لِلزَّكَاةِ
فَاعِلُونَ ﴿4﴾ وَالَّذِينَ هُمْ لِفُرُوجِهِمْ حَافِظُونَ ﴿5﴾ إِلَّا عَلَىٰ
أَزْوَاجِهِمْ أَوْ مَا مَلَكَتْ أَيْمَانُهُمْ فَإِنَّهُمْ غَيْرُ مَلُومِينَ ﴿6﴾
فَمَنِ ابْتَغَىٰ وَرَاءَ ذَٰلِكَ فَأُولَٰئِكَ هُمُ الْعَادُونَ ﴿7﴾ وَالَّذِينَ هُمْ
لِأَمَانَاتِهِمْ وَعَهْدِهِمْ رَاعُونَ ﴿8﴾ وَالَّذِينَ هُمْ عَلَىٰ صَلَوَاتِهِمْ
يُحَافِظُونَ ﴿9﴾ أُولَٰئِكَ هُمُ الْوَارِثُونَ ﴿10﴾ الَّذِينَ يَرِثُونَ
الْفِرْدَوْسَ هُمْ فِيهَا خَالِدُونَ ﴿11﴾ وَلَقَدْ خَلَقْنَا الْإِنسَانَ مِن
سُلَالَةٍ مِّن طِينٍ ﴿12﴾ ثُمَّ جَعَلْنَاهُ نُطْفَةً فِي قَرَارٍ مَّكِينٍ ﴿13﴾ ثُمَّ
خَلَقْنَا النُّطْفَةَ عَلَقَةً فَخَلَقْنَا الْعَلَقَةَ مُضْغَةً فَخَلَقْنَا
الْمُضْغَةَ عِظَامًا فَكَسَوْنَا الْعِظَامَ لَحْمًا ثُمَّ أَنشَأْنَاهُ خَلْقًا
آخَرَ ۚ فَتَبَارَكَ اللَّهُ أَحْسَنُ الْخَالِقِينَ ﴿14﴾ ثُمَّ إِنَّكُم بَعْدَ ذَٰلِكَ
لَمَيِّتُونَ ﴿15﴾ ثُمَّ إِنَّكُمْ يَوْمَ الْقِيَامَةِ تُبْعَثُونَ ﴿16﴾ وَلَقَدْ
خَلَقْنَا فَوْقَكُمْ سَبْعَ طَرَائِقَ وَمَا كُنَّا عَنِ الْخَلْقِ غَافِلِينَ ﴿17﴾

23. *Sūrat 'al-Mu'minūn*

(Suret Dawk li jemmnu – Niżlet f'Mekka b'118-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Tassew joħorġu rebbiħin dawk li jemmnu,
2. dawk li huma umli fit-talb tagħhom,
3. dawk li jwarrbu mill-kliem fieragħ,
4. dawk li jagħtu karità,
5. u dawk li jħarsu l-partijiet privati ta' ġisimhom *(minn atti sesswali illegali)*,
6. *(u ma jinkixfux u ma jersqux)* ħlief lejn żwieġhom, jew lejn dawk *(in-nisa lsiera)* li għandhom f'idejhom – u *(b'hekk)* ħadd ma jlumhom.
7. Iżda kulmin ifittex aktar minn dak, dawk ikunu *(il-ħatjin)* li jaqbżu l-limiti.
8. U dawk li jimxu bl-onestà u jħarsu r-rabta tagħhom,
9. u li jħarsu t-talb *(kollu)* tagħhom,
10. dawk huma l-werrieta,
11. li jirtu l-Ġenna u jibqgħu fiha għal dejjem.
12. Aħna tabilħaqq ħlaqna l-bniedem minn sustanza tat-tajn,
13. imbagħad għamilnieh nitfa *(ta' sperma)* fi mkien fiss *(li huwa l-ġuf)*,
14. imbagħad min-nitfa għamilna demm magħqud, u mid-demm magħqud għamilna biċċa laħam, mill-biċċa laħam għamilna għadam, u ksejna l-għadam b'laħam, imbagħad għamilnieh ħolqien ieħor. Ikun imbierek Alla, l-Aqwa fost il-ħallieqa!
15. Imbagħad wara dak *(kollu)*, intom se tmutu,
16. imbagħad terġgħu titqajmu f'Jum il-Qawmien.
17. Aħna ħlaqna fuqkom seba' smewwiet *(fuq xulxin)*, u ma jaqbżilna xejn mill-ħolqien *(tagħna)*.

وَأَنزَلْنَا مِنَ ٱلسَّمَآءِ مَآءًۢ بِقَدَرٍ فَأَسْكَنَّٰهُ فِى ٱلْأَرْضِ ۖ وَإِنَّا عَلَىٰ ذَهَابٍۭ
بِهِۦ لَقَٰدِرُونَ ﴿18﴾ فَأَنشَأْنَا لَكُم بِهِۦ جَنَّٰتٍ مِّن نَّخِيلٍ وَأَعْنَٰبٍ
لَّكُمْ فِيهَا فَوَٰكِهُ كَثِيرَةٌ وَمِنْهَا تَأْكُلُونَ ﴿19﴾ وَشَجَرَةً تَخْرُجُ مِن
طُورِ سَيْنَآءَ تَنۢبُتُ بِٱلدُّهْنِ وَصِبْغٍ لِّلْءَاكِلِينَ ﴿20﴾ وَإِنَّ لَكُمْ فِى
ٱلْأَنْعَٰمِ لَعِبْرَةً ۖ نُّسْقِيكُم مِّمَّا فِى بُطُونِهَا وَلَكُمْ فِيهَا مَنَٰفِعُ كَثِيرَةٌ
وَمِنْهَا تَأْكُلُونَ ﴿21﴾ وَعَلَيْهَا وَعَلَى ٱلْفُلْكِ تُحْمَلُونَ ﴿22﴾ وَلَقَدْ
أَرْسَلْنَا نُوحًا إِلَىٰ قَوْمِهِۦ فَقَالَ يَٰقَوْمِ ٱعْبُدُوا۟ ٱللَّهَ مَا لَكُم مِّنْ إِلَٰهٍ
غَيْرُهُۥٓ ۖ أَفَلَا تَتَّقُونَ ﴿23﴾ فَقَالَ ٱلْمَلَؤُا۟ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ مِن قَوْمِهِۦ مَا هَٰذَآ
إِلَّا بَشَرٌ مِّثْلُكُمْ يُرِيدُ أَن يَتَفَضَّلَ عَلَيْكُمْ ۚ وَلَوْ شَآءَ ٱللَّهُ لَأَنزَلَ
مَلَٰٓئِكَةً مَّا سَمِعْنَا بِهَٰذَا فِىٓ ءَابَآئِنَا ٱلْأَوَّلِينَ ﴿24﴾ إِنْ هُوَ إِلَّا
رَجُلٌۢ بِهِۦ جِنَّةٌ فَتَرَبَّصُوا۟ بِهِۦ حَتَّىٰ حِينٍ ﴿25﴾ قَالَ رَبِّ ٱنصُرْنِى
بِمَا كَذَّبُونِ ﴿26﴾ فَأَوْحَيْنَآ إِلَيْهِ أَنِ ٱصْنَعِ ٱلْفُلْكَ بِأَعْيُنِنَا
وَوَحْيِنَا فَإِذَا جَآءَ أَمْرُنَا وَفَارَ ٱلتَّنُّورُ ۙ فَٱسْلُكْ فِيهَا مِن
كُلٍّ زَوْجَيْنِ ٱثْنَيْنِ وَأَهْلَكَ إِلَّا مَن سَبَقَ عَلَيْهِ ٱلْقَوْلُ
مِنْهُمْ ۖ وَلَا تُخَٰطِبْنِى فِى ٱلَّذِينَ ظَلَمُوٓا۟ ۖ إِنَّهُم مُّغْرَقُونَ ﴿27﴾

18. Aħna nniżżlu mis-sema l-ilma *(tax-xita)* bil-qjies, u nqegħduh fl-art *(biex ittellgħu minnu meta teħtiġuh)*, u Aħna tabilħaqq għandna s-setgħa neħduh lura *(u tmutu bil-għatx)*.
19. Bih għamilnielkom ġonna b'siġar tal-palm u dwieli li fihom frott kotran, u minnhom tieklu,
20. u *(bih għamilnielkom)* siġra *(taż-żebbuġ)* ħierġa mill-muntanja Sinaj li tnibbet iż-żejt, u ħwawar għal min jiekol.
21. U tabilħaqq li fil-frat *(l-iġmla, il-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż)* għandkom tagħlima: Aħna nisqukom minn dak *(il-ħalib bnin)* li hemm fil-ġewwieni tagħhom, *(barra li)* fihom għandkom fejdiet kotrana *(oħra)*, u minnhom tieklu,
22. u fuqhom tinġarru *(fis-safar tagħkom fuq l-art)*, kif ukoll fuq l-iġfna *(fl-ibħra)*.
23. Aħna tassew bgħatna lil Noè għand niesu u qal*(ilhom)*: "Ja niesi, qimu lil Alla! Ma għandkomx alla *(ieħor)* għajru. Mela ma tibżgħux?"
24. Il-kbarat fost niesu li m'emmnux qalu: "Dan *(Noè)* ma huwiex għajr bniedem bħalkom li jrid jogħla fuqkom *(billi jagħmilha ta' Profeta)*. U kieku ried, Alla kien iniżżel anġli *(biex iwasslulna l-bxara tiegħu. Qatt)* ma smajna b'dan *(li qiegħed jgħid Noè)* fost missirijietna ta' l-imgħoddi.
25. Huwa ma huwiex għajr raġel maħkum mill-*ġinn*. Mela oqogħdu għassa għalih *(u stennew)* għal xi żmien *(sa ma jmut u teħilsu minnu)*!"
26. Qal *(Noè)*: "Sidi *(il-Mulej)* għinni, għaliex qegħdin igiddbuni."
27. Għalhekk nebbaħnieh: "Ibni l-arka taħt għajnejna, u kif se nnebbħuk! U meta jasal l-amar tagħna *(biex nikkastigaw lil dawk li m'emmnukx)*, u l-forn ifur *(u miegħu l-għejun ta' l-art)*, daħħal fiha tnejn minn kull ġens *(ta' bhejjem, raġel u mara)*, u lil niesek, ħlief lil dak li kontrih laħqet ħarġet il-kelma *(ta' kundanna, fosthom martek u ibnek)*, iżda tkellimnix *(u taqbiżx)* għal dawk li għamlu l-ħażen! Huma tassew ikunu mgħarrqin!"

فَإِذَا ٱسْتَوَيْتَ أَنتَ وَمَن مَّعَكَ عَلَى ٱلْفُلْكِ فَقُلِ ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ ٱلَّذِى نَجَّىٰنَا
مِنَ ٱلْقَوْمِ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿28﴾ وَقُل رَّبِّ أَنزِلْنِى مُنزَلًا مُّبَارَكًا وَأَنتَ خَيْرُ
ٱلْمُنزِلِينَ ﴿29﴾ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَٰتٍ وَإِن كُنَّا لَمُبْتَلِينَ ﴿30﴾ ثُمَّ أَنشَأْنَا
مِنۢ بَعْدِهِمْ قَرْنًا ءَاخَرِينَ ﴿31﴾ فَأَرْسَلْنَا فِيهِمْ رَسُولًا مِّنْهُمْ أَنِ ٱعْبُدُوا۟
ٱللَّهَ مَا لَكُم مِّنْ إِلَٰهٍ غَيْرُهُۥٓ ۖ أَفَلَا تَتَّقُونَ ﴿32﴾ وَقَالَ ٱلْمَلَأُ مِن قَوْمِهِ
ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ وَكَذَّبُوا۟ بِلِقَآءِ ٱلْءَاخِرَةِ وَأَتْرَفْنَٰهُمْ فِى ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا
مَا هَٰذَآ إِلَّا بَشَرٌ مِّثْلُكُمْ يَأْكُلُ مِمَّا تَأْكُلُونَ مِنْهُ وَيَشْرَبُ مِمَّا
تَشْرَبُونَ ﴿33﴾ وَلَئِنْ أَطَعْتُم بَشَرًا مِّثْلَكُمْ إِنَّكُمْ إِذًا لَّخَٰسِرُونَ
﴿34﴾ أَيَعِدُكُمْ أَنَّكُمْ إِذَا مِتُّمْ وَكُنتُمْ تُرَابًا وَعِظَٰمًا أَنَّكُم مُّخْرَجُونَ
﴿35﴾ ۞ هَيْهَاتَ هَيْهَاتَ لِمَا تُوعَدُونَ ﴿36﴾ إِنْ هِىَ إِلَّا حَيَاتُنَا
ٱلدُّنْيَا نَمُوتُ وَنَحْيَا وَمَا نَحْنُ بِمَبْعُوثِينَ ﴿37﴾ إِنْ هُوَ إِلَّا رَجُلٌ
ٱفْتَرَىٰ عَلَى ٱللَّهِ كَذِبًا وَمَا نَحْنُ لَهُۥ بِمُؤْمِنِينَ ﴿38﴾ قَالَ رَبِّ
ٱنصُرْنِى بِمَا كَذَّبُونِ ﴿39﴾ قَالَ عَمَّا قَلِيلٍ لَّيُصْبِحُنَّ نَٰدِمِينَ ﴿40﴾
فَأَخَذَتْهُمُ ٱلصَّيْحَةُ بِٱلْحَقِّ فَجَعَلْنَٰهُمْ غُثَآءً ۚ فَبُعْدًا لِّلْقَوْمِ
ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿41﴾ ثُمَّ أَنشَأْنَا مِنۢ بَعْدِهِمْ قُرُونًا ءَاخَرِينَ ﴿42﴾

ربع الحزب 35

28. U meta titla', int u dawk ta' miegħek, fuq l-arka, għid: "Tifħir lil Alla li ħelisna min-nies il-ħżiena *(u mill-għarqa)*."
29. Għid *(ukoll)*: "Sidi, niżżilni f'imkien imbierek, għaliex Inti l-Aħjar fost dawk li jniżżlu *(lin-nies f'imkien tajjeb)*."
30. Tabilħaqq li f'dak *(kollu li ġara fi żmien Noè)* hemm sinjali *(ċari għall-bnedmin)*, u Aħna tassew inġarrbu *(lil kulħadd bihom)*.
31. Imbagħad warajhom ħlaqna nisel ieħor,
32. u bgħatna Mibgħut fosthom minn ġenshom *(jgħidilhom)*: "Qimu lil Alla! Ma għandkomx alla *(ieħor)* għajru. Jaqaw ma tibżgħux *(minnu)*?"
33. Il-kbarat fost niesu li m'emmnux u giddbu l-laqgħa *(ma' Alla)* fl-Oħra *(fil-Ħajja Ħajja)*, u li konna tajniehom ġid kotran fil-ħajja *(f'din)* id-dinja *(hekk li tkabbru)*, qalu: "Dan ma huwiex għajr bniedem bħalkom, li jiekol minn dak li tieklu intom, u jixrob minn dak li tixorbu.
34. U jekk toqogħdu għal bniedem bħalkom *(u temmnuh)*, intom tkunu tabilħaqq it-telliefa.
35. Jaqaw iwegħedkom li meta tmutu, u tkunu trab u għadam, intom se tinħarġu *(mill-oqbra tagħkom għal ħajja ġdida)*?
36. Imbiegħda *(mir-realtà, tassew)* imbiegħda l-wegħda li saritilkom!
37. Ma hemmx ħlief ħajjitna *(f'din)* id-dinja: immutu u nghixu, u m'aħniex se nitqajmu *(għal ħajja oħra)*.
38. *(Dan)* ma huwiex għajr raġel li qala' gidba minn żniedu dwar Alla, u m'aħniex se nemmnuh!"
39. Qal *(il-Mibgħut)*: "Sidi għinni, għaliex qegħdin igiddbuni."
40. Qal *(Alla)*: "Tabilħaqq li dalwaqt jindmu!"
41. U ħadhom *(għal għarrieda)* ħoss qawwi, bil-ħaqq *(għaliex tassew kien ħaqqhom)*, u għamilniehom bħal ragħwa maħmuġa fuq wiċċ l-ilma qiegħed. Ħalli jżommu 'l bogħod *(mill-ħniena ta' Alla)* in-nies il-ħżiena!
42. Imbagħad warajhom ħlaqna kemm-il nisel ieħor.

مَا تَسْبِقُ مِنْ أُمَّةٍ أَجَلَهَا وَمَا يَسْتَـْٔخِرُونَ ﴿43﴾ ثُمَّ أَرْسَلْنَا رُسُلَنَا تَتْرَا ۖ
كُلَّ مَا جَآءَ أُمَّةً رَّسُولُهَا كَذَّبُوهُ ۚ فَأَتْبَعْنَا بَعْضَهُم بَعْضًا وَجَعَلْنَٰهُمْ
أَحَادِيثَ ۚ فَبُعْدًا لِّقَوْمٍ لَّا يُؤْمِنُونَ ﴿44﴾ ثُمَّ أَرْسَلْنَا مُوسَىٰ وَأَخَاهُ
هَٰرُونَ بِـَٔايَٰتِنَا وَسُلْطَٰنٍ مُّبِينٍ ﴿45﴾ إِلَىٰ فِرْعَوْنَ وَمَلَإِيْهِۦ
فَٱسْتَكْبَرُوا۟ وَكَانُوا۟ قَوْمًا عَالِينَ ﴿46﴾ فَقَالُوٓا۟ أَنُؤْمِنُ لِبَشَرَيْنِ مِثْلِنَا
وَقَوْمُهُمَا لَنَا عَٰبِدُونَ ﴿47﴾ فَكَذَّبُوهُمَا فَكَانُوا۟ مِنَ ٱلْمُهْلَكِينَ
﴿48﴾ وَلَقَدْ ءَاتَيْنَا مُوسَى ٱلْكِتَٰبَ لَعَلَّهُمْ يَهْتَدُونَ ﴿49﴾ وَجَعَلْنَا
ٱبْنَ مَرْيَمَ وَأُمَّهُۥٓ ءَايَةً وَءَاوَيْنَٰهُمَآ إِلَىٰ رَبْوَةٍ ذَاتِ قَرَارٍ وَمَعِينٍ
﴿50﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلرُّسُلُ كُلُوا۟ مِنَ ٱلطَّيِّبَٰتِ وَٱعْمَلُوا۟ صَٰلِحًا ۖ إِنِّى بِمَا
تَعْمَلُونَ عَلِيمٌ ﴿51﴾ وَإِنَّ هَٰذِهِۦٓ أُمَّتُكُمْ أُمَّةً وَٰحِدَةً وَأَنَا۠ رَبُّكُمْ
فَٱتَّقُونِ ﴿52﴾ فَتَقَطَّعُوٓا۟ أَمْرَهُم بَيْنَهُمْ زُبُرًا ۖ كُلُّ حِزْبٍۭ بِمَا لَدَيْهِمْ
فَرِحُونَ ﴿53﴾ فَذَرْهُمْ فِى غَمْرَتِهِمْ حَتَّىٰ حِينٍ ﴿54﴾ أَيَحْسَبُونَ أَنَّمَا
نُمِدُّهُم بِهِۦ مِن مَّالٍ وَبَنِينَ ﴿55﴾ نُسَارِعُ لَهُمْ فِى ٱلْخَيْرَٰتِ ۚ بَل لَّا يَشْعُرُونَ
﴿56﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ هُم مِّنْ خَشْيَةِ رَبِّهِم مُّشْفِقُونَ ﴿57﴾ وَٱلَّذِينَ هُم
بِـَٔايَٰتِ رَبِّهِمْ يُؤْمِنُونَ ﴿58﴾ وَٱلَّذِينَ هُم بِرَبِّهِمْ لَا يُشْرِكُونَ ﴿59﴾

43. Ebda ġens ma *(jista')* jgħaġġel iż-żmien miktub għalih, u lanqas *(jista')* itawlu.
44. Imbagħad bgħatna lill-Mibgħutin tagħna, wieħed wara l-ieħor: kull darba li ġie għand xi ġens il-Mibgħut tiegħu, giddbuh. Għalhekk mexxejniehom wara xulxin *(lejn il-kastig u l-qerda tagħhom)*, u għamilniehom stejjer *(li baqgħu jingħadu u ma ntesewx)*. Halli jżommu 'l bogħod *(mill-ħniena ta' Alla)* in-nies li ma jemmnux!
45. Imbagħad bgħatna lil Mosè u lil ħuh Aron bis-sinjali tagħna, u bi prova ċara,
46. għand il-Fargħun u l-kbarat tiegħu, iżda *(dawn)* tkabbru u kienu nies li jħobbu jogħlew *(fuq ħaddieħor)*.
47. Qalu: "Jaqaw għandna nemmnu lil tnejn min-nies bħalna, *(meta nafu li)* nieshom huma qaddejja tagħna?"
48. Għalhekk giddbuhom *(lil Mosè u lil ħuh Aron)*, u kienu fost il-meqrudin *(u mietu mgħarrqin)*.
49. Aħna tajna l-Ktieb lil Mosè biex *(Ulied Israel)* għandhom imnejn jaqbdu t-triq it-tajba.
50. U għamilna lil iben Marija u lil ommu bħala sinjal, u tajniehom kenn fuq għolja fis-sod *(fejn jistrieħu)* u b'għajn *(ta' ilma ġieri)*.
51. Intom il-Mibgħutin, kulu mill-ħwejjeġ tajba, u agħmlu l-ġid! Jiena tabilħaqq naf b'dak li tagħmlu!
52. Tabilħaqq li dan id-din tagħkom huwa din wieħed. U Jiena Sidkom. Mela ibżgħu minni!
53. Iżda *(il-bnedmin)* kisru r-rabta ta' bejniethom *(u nqasmu)* f'setet; kull ġemgħa ferħana b'dak *(it-twemmin)* li għandha.
54. Mela ħallihom *(Muħammad, lill-pagani)* fit-taħwid tagħhom, għal xi żmien.
55. Jaqaw jaħsbu li *(jistgħu jqisu)* il-ġid u l-ulied li nagħtuhom *(f'din id-dinja)*,
56. *(bħallikieku qegħdin)* ngħaġġlulhom il-ġid *(li se jithennew bih fil-Ħajja l-Oħra)*? Iżda ma jintebħux!
57. Tabilħaqq li dawk li għandhom il-biża' ta' Sidhom,
58. dawk li jemmnu fis-sinjali u fir-Rivelazzjoni ta' Sidhom,
59. dawk li ma' Sidhom ma jxirkux *(allat oħra)*,

وَالَّذِينَ يُؤْتُونَ مَا آتَوا وَّقُلُوبُهُمْ وَجِلَةٌ أَنَّهُمْ إِلَىٰ رَبِّهِمْ رَاجِعُونَ ﴿60﴾
أُولَٰئِكَ يُسَارِعُونَ فِي الْخَيْرَاتِ وَهُمْ لَهَا سَابِقُونَ ﴿61﴾ وَلَا نُكَلِّفُ
نَفْسًا إِلَّا وُسْعَهَا وَلَدَيْنَا كِتَابٌ يَنطِقُ بِالْحَقِّ وَهُمْ لَا يُظْلَمُونَ ﴿62﴾
بَلْ قُلُوبُهُمْ فِي غَمْرَةٍ مِّنْ هَٰذَا وَلَهُمْ أَعْمَالٌ مِّن دُونِ ذَٰلِكَ هُمْ لَهَا
عَامِلُونَ ﴿63﴾ حَتَّىٰ إِذَا أَخَذْنَا مُتْرَفِيهِم بِالْعَذَابِ إِذَا هُمْ يَجْأَرُونَ
﴿64﴾ لَا تَجْأَرُوا الْيَوْمَ إِنَّكُم مِّنَّا لَا تُنصَرُونَ ﴿65﴾ قَدْ كَانَتْ آيَاتِي
تُتْلَىٰ عَلَيْكُمْ فَكُنتُمْ عَلَىٰ أَعْقَابِكُمْ تَنكِصُونَ ﴿66﴾ مُسْتَكْبِرِينَ
بِهِ سَامِرًا تَهْجُرُونَ ﴿67﴾ أَفَلَمْ يَدَّبَّرُوا الْقَوْلَ أَمْ جَاءَهُم مَّا لَمْ يَأْتِ
آبَاءَهُمُ الْأَوَّلِينَ ﴿68﴾ أَمْ لَمْ يَعْرِفُوا رَسُولَهُمْ فَهُمْ لَهُ مُنكِرُونَ
﴿69﴾ أَمْ يَقُولُونَ بِهِ جِنَّةٌ بَلْ جَاءَهُم بِالْحَقِّ وَأَكْثَرُهُمْ لِلْحَقِّ
كَارِهُونَ ﴿70﴾ وَلَوِ اتَّبَعَ الْحَقُّ أَهْوَاءَهُمْ لَفَسَدَتِ السَّمَاوَاتُ
وَالْأَرْضُ وَمَن فِيهِنَّ بَلْ أَتَيْنَاهُم بِذِكْرِهِمْ فَهُمْ عَن
ذِكْرِهِم مُّعْرِضُونَ ﴿71﴾ أَمْ تَسْأَلُهُمْ خَرْجًا فَخَرَاجُ رَبِّكَ خَيْرٌ
وَهُوَ خَيْرُ الرَّازِقِينَ ﴿72﴾ وَإِنَّكَ لَتَدْعُوهُمْ إِلَىٰ صِرَاطٍ مُّسْتَقِيمٍ ﴿73﴾
وَإِنَّ الَّذِينَ لَا يُؤْمِنُونَ بِالْآخِرَةِ عَنِ الصِّرَاطِ لَنَاكِبُونَ ﴿74﴾

60. u dawk li jagħtu l-għoti tagħhom filwaqt li qlubhom imbeżżgħa li għad jerġgħu lura għand Sidhom *(u forsi ma jilqax l-għemejjel tagħhom minħabba n-nuqqasijiet tagħhom)*,
61. dawk huma li qegħdin jgħaġġlu lejn l-għemejjel it-tajba, u dawk huma li jilħquhom l-ewwel.
62. Aħna ma ngħabbu lil ebda ruħ aktar milli tiflaħ, u għandna ktieb *(li fih jitniżżlu l-għemejjel ta' kulħadd u)* li jitkellem bis-sewwa. Ma ssir ebda inġustizzja magħhom *(fil-ħlas li se jieħdu)*!
63. Iżda qlubhom imħawda dwar dan *(il-Qoran)* u barra minn hekk huma jagħmlu għemejjel *(ħżiena)* oħra;
64. sa ma nikkastigaw lill-għonja u lill-kbarat fosthom, imbagħad arahom jitkarrbu *(lil Alla biex jeħlishom)*.
65. *(U jingħad lilhom)*: "Illum la titkarrbux! M'intomx se ssibu għajnuna minna!
66. Il-versi tiegħi kienu jinqrawlkom, iżda kontu twarrbu 'l hemm,
67. imkabbrin biha *(il-moskea li għandkom f'Mekka)*, u tgħidu kliem ħażin *(kontra l-Qoran meta toqogħdu titħaddtu billejl)*."
68. Jaqaw *(dawk li jiċħdu t-twemmin)* ma jixtarrux il-Kelma *(ta' Alla fil-Qoran)*, jew ġiethom xi ħaġa *(ġdida minn Alla)* li ma kinitx ġiet lil missirijiethom ta' l-imgħoddi?
69. Jaqaw ma jagħrfux lil *(Muħammad)* il-Mibgħut tagħhom, u għalhekk jiċħduh?
70. Jew jgħidu: "Għandu fih il-*ġinn*"? Le *(mhux hekk)*, imma *(Muħammad)* ġiehom bis-sewwa, iżda ħafna minnhom jobogħdu s-sewwa.
71. U li kieku s-sewwa kellu jimxi fuq x-xewqat *(kollha frugħa u ħażen)* tagħhom, kieku s-smewwiet u l-art, u min jinsab fihom, kienu jitħassru! Le! Aħna ġibnielhom it-tifkira *(u t-twissija)* tagħhom *(li hija l-Qoran)*, iżda huma ma jagħtux kas it-tifkira tagħhom *(li fiha kull ġieħ u ġid għalihom)*.
72. Jaqaw *(Muħammad)* qiegħed titlobhom xi ħlas *(talli xxandrilhom il-Qoran, u forsi għalhekk ma jridux jemmnu)*? Il-ħlas ta' Sidek huwa l-aħjar, u Huwa l-Aħjar fost dawk li jipprovdu!
73. Int tabilħaqq issejħilhom lejn triq dritta *(li twassal għall-Ġenna)*,
74. iżda dawk li ma jemmnux fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)*, joħorġu mit-triq.

نصف الحزب 35

۞ وَلَوْ رَحِمْنَٰهُمْ وَكَشَفْنَا مَا بِهِم مِّن ضُرٍّ لَّلَجُّوا۟ فِى طُغْيَٰنِهِمْ
يَعْمَهُونَ ﴿75﴾ وَلَقَدْ أَخَذْنَٰهُم بِٱلْعَذَابِ فَمَا ٱسْتَكَانُوا۟ لِرَبِّهِمْ
وَمَا يَتَضَرَّعُونَ ﴿76﴾ حَتَّىٰٓ إِذَا فَتَحْنَا عَلَيْهِم بَابًا ذَا عَذَابٍ شَدِيدٍ
إِذَا هُمْ فِيهِ مُبْلِسُونَ ﴿77﴾ وَهُوَ ٱلَّذِىٓ أَنشَأَ لَكُمُ ٱلسَّمْعَ وَٱلْأَبْصَٰرَ
وَٱلْأَفْـِٔدَةَ ۚ قَلِيلًا مَّا تَشْكُرُونَ ﴿78﴾ وَهُوَ ٱلَّذِى ذَرَأَكُمْ فِى ٱلْأَرْضِ
وَإِلَيْهِ تُحْشَرُونَ ﴿79﴾ وَهُوَ ٱلَّذِى يُحْىِۦ وَيُمِيتُ وَلَهُ ٱخْتِلَٰفُ
ٱلَّيْلِ وَٱلنَّهَارِ ۚ أَفَلَا تَعْقِلُونَ ﴿80﴾ بَلْ قَالُوا۟ مِثْلَ مَا قَالَ
ٱلْأَوَّلُونَ ﴿81﴾ قَالُوٓا۟ أَءِذَا مِتْنَا وَكُنَّا تُرَابًا وَعِظَٰمًا أَءِنَّا
لَمَبْعُوثُونَ ﴿82﴾ لَقَدْ وُعِدْنَا نَحْنُ وَءَابَآؤُنَا هَٰذَا مِن قَبْلُ إِنْ هَٰذَآ
إِلَّآ أَسَٰطِيرُ ٱلْأَوَّلِينَ ﴿83﴾ قُل لِّمَنِ ٱلْأَرْضُ وَمَن فِيهَآ إِن
كُنتُمْ تَعْلَمُونَ ﴿84﴾ سَيَقُولُونَ لِلَّهِ ۚ قُلْ أَفَلَا تَذَكَّرُونَ
﴿85﴾ قُلْ مَن رَّبُّ ٱلسَّمَٰوَٰتِ ٱلسَّبْعِ وَرَبُّ ٱلْعَرْشِ ٱلْعَظِيمِ
﴿86﴾ سَيَقُولُونَ لِلَّهِ ۚ قُلْ أَفَلَا تَتَّقُونَ ﴿87﴾ قُلْ مَنۢ بِيَدِهِۦ
مَلَكُوتُ كُلِّ شَىْءٍ وَهُوَ يُجِيرُ وَلَا يُجَارُ عَلَيْهِ إِن
كُنتُمْ تَعْلَمُونَ ﴿88﴾ سَيَقُولُونَ لِلَّهِ ۚ قُلْ فَأَنَّىٰ تُسْحَرُونَ ﴿89﴾

75. Li kieku kellna nħennu għalihom u nneħħulhom is-saram li jinsabu fih, *(xorta waħda)* kienu jibqgħu jżidu fil-kefrija tagħhom, mitlufin bħall-għomja.

76. Aħna ħadniehom *(għal għarrieda)* u kkastigajniehom *(f'din id-dinja)*, iżda *(minkejja dan)* ma qagħdux għal Sidhom *(il-Mulej)*, u lanqas jitolbu*(h)* bl-umiltà;

77. sa ma nifthu fuqhom bieb li jagħti għal kastig qalil *(fil-Ħajja l-Oħra)*! Huma jkunu fih b'qalbhom maqtugħa għal kollox *(li xi darba l-kastig jintemm)*.

78. Huwa li takom is-smigħ, dawl għajnejkom u l-qlub *(iżda intom ħaddimtuhom ħażin u)* ftit li xejn tiżżu ħajr.

79. Huwa li ħalaqkom u kattarkom fuq l-art *(kollha biex tgħammru fiha)*, u lejh għad tinġabru *(biex tagħtu kont)*.

80. Huwa li jagħti l-ħajja u jagħti l-mewt, u tiegħu t-taqlib tal-lejl u n-nhar. Jaqaw ma tifhmux?

81. Mhux biss *(il-pagani ta' Mekka m'emmnux)*, imma qalu bħal dak li kienu qalu nies il-qedem.

82. Qalu *(fl-injuranza kbira tagħhom)*: "Jaqaw meta mmutu u nkunu trab u għadam, se nitqajmu *(għal ħajja ġdida)*?

83. Aħna u missirijietna, qabel, konna tabilħaqq diġà mwegħdin dan. Dawn ma humiex ħlief stejjer ta' nies il-qedem."

84. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ta' min hija l-art u dawk *(il-ħlejjaq)* li hemm fiha, jekk tafu?"

85. Huma se jgħidu: "Ta' Alla!" Għid*(ilhom)*: "Mela kif ma tiftakrux?"

86. Għid*(ilhom ukoll)*: "Min huwa Sid is-seba' smewwiet, u Sid it-Tron il-kbir?"

87. Se jgħidu: "Ta' Alla!" Għid*(ilhom)*: "Mela kif ma tibżgħux *(u tibqgħu tqimu l-idoli)*?"

88. Għid: "Min għandu f'idu s-setgħa fuq kollox, u li jħares *(lill-bniedem mill-kastig)* mingħajr, iżda, ma hemm ħarsien minnu, jekk tafu?"

89. Se jgħidu: "Ta' Alla *(dik is-setgħa)*!" Mela kif tissaħħru *(u titqarrqu)*?

بَلْ أَتَيْنَٰهُم بِٱلْحَقِّ وَإِنَّهُمْ لَكَٰذِبُونَ ﴿90﴾ مَا ٱتَّخَذَ ٱللَّهُ مِن وَلَدٍ
وَمَا كَانَ مَعَهُۥ مِنْ إِلَٰهٍ ۚ إِذًا لَّذَهَبَ كُلُّ إِلَٰهٍۭ بِمَا خَلَقَ وَلَعَلَا
بَعْضُهُمْ عَلَىٰ بَعْضٍ ۚ سُبْحَٰنَ ٱللَّهِ عَمَّا يَصِفُونَ ﴿91﴾ عَٰلِمِ
ٱلْغَيْبِ وَٱلشَّهَٰدَةِ فَتَعَٰلَىٰ عَمَّا يُشْرِكُونَ ﴿92﴾ قُل رَّبِّ
إِمَّا تُرِيَنِّى مَا يُوعَدُونَ ﴿93﴾ رَبِّ فَلَا تَجْعَلْنِى فِى ٱلْقَوْمِ
ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿94﴾ وَإِنَّا عَلَىٰٓ أَن نُّرِيَكَ مَا نَعِدُهُمْ لَقَٰدِرُونَ ﴿95﴾
ٱدْفَعْ بِٱلَّتِى هِىَ أَحْسَنُ ٱلسَّيِّئَةَ ۚ نَحْنُ أَعْلَمُ بِمَا يَصِفُونَ ﴿96﴾
وَقُل رَّبِّ أَعُوذُ بِكَ مِنْ هَمَزَٰتِ ٱلشَّيَٰطِينِ ﴿97﴾ وَأَعُوذُ بِكَ
رَبِّ أَن يَحْضُرُونِ ﴿98﴾ حَتَّىٰٓ إِذَا جَآءَ أَحَدَهُمُ ٱلْمَوْتُ قَالَ رَبِّ
ٱرْجِعُونِ ﴿99﴾ لَعَلِّىٓ أَعْمَلُ صَٰلِحًا فِيمَا تَرَكْتُ ۚ كَلَّآ ۚ إِنَّهَا كَلِمَةٌ
هُوَ قَآئِلُهَا ۖ وَمِن وَرَآئِهِم بَرْزَخٌ إِلَىٰ يَوْمِ يُبْعَثُونَ ﴿100﴾ فَإِذَا نُفِخَ
فِى ٱلصُّورِ فَلَآ أَنسَابَ بَيْنَهُمْ يَوْمَئِذٍ وَلَا يَتَسَآءَلُونَ ﴿101﴾
فَمَن ثَقُلَتْ مَوَٰزِينُهُۥ فَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْمُفْلِحُونَ ﴿102﴾ وَمَنْ
خَفَّتْ مَوَٰزِينُهُۥ فَأُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ خَسِرُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ فِى جَهَنَّمَ
خَٰلِدُونَ ﴿103﴾ تَلْفَحُ وُجُوهَهُمُ ٱلنَّارُ وَهُمْ فِيهَا كَٰلِحُونَ ﴿104﴾

90. Iżda Aħna ġibnielhom is-sewwa, u huma tabilħaqq giddibin *(u jgħidu li Alla għandu ixirka u iben)*!
91. Alla ma ħa ebda wild għalih, u miegħu ma hemm ebda alla *(ieħor, għaliex)* inkella kull alla kien jitlaq b'dak li ħalaq, u xi whud minnhom kienu jogħlew fuq oħrajn. Sebħ lil Alla *(għaliex Huwa ogħla)* minn dak li jaqilgħu *(dwaru)*!
92. Huwa jaf il-mistur u dak li jidher, u Huwa ogħla minn dak li jxierku *(miegħu)*.
93. Għid *(Muħammad)*: "Sidi, jekk turini dak li huma mwegħdin,
94. Sidi, la tqegħednix man-nies il-ħżiena!"
95. Aħna tabilħaqq nistgħu nuruk *(Muħammad)* dak *(il-kastig)* li wegħedniehom.
96. Biegħed u ħudha kontra l-ħażen b'dak li huwa aħjar *(minnu: bil-mogħdrija u bl-għemil it-tajjeb)*. Aħna nafu sewwa dak li jaqilgħu *(dwarna, u se nħallsuhom tiegħu)*.
97. U għid *(Muħammad)*: "Sidi, jiena nistkenn fik mit-tfesfis tax-xjaten.
98. U nistkenn fik, Sidi, li ma jmorrux jersqu lejja *(bil-ħsara tagħhom)*!"
99. *(Il-ħżiena jibqgħu fil-ħażen tagħhom)* sa ma l-mewt tiġi għal xi ħadd minnhom *(u fil-biża' li jaqbdu)* jgħid: "Sidi, reġġagħni *(lura għall-ħajja fid-dinja)*
100. biex forsi nkun nista' nagħmel il-ġid minflok dak *(kollu)* li kont inqast *(li nagħmel qabel)*." Le, *(ma huwiex se jingħata aktar żmien)*! Hija biss kelma *(fiergħa)* li huwa jgħid. Warajhom *(dawn l-erwieħ)* hemm ħajt kbir jifrid*(hom mid-dinja)*, sal-Jum li fih jitqajmu *(għall-Ġudizzju)*.
101. U meta tindaqq it-trumbetta *(li tħabbar Jum il-Ġudizzju)*, dakinhar ma jkunx hemm *(aktar)* qrubija bejniethom, u lanqas jistaqsu għal xulxin.
102. *(Dakinhar)* min ikollu l-miżien tiegħu mtaqqal *(b'għemejjel tajba)*, dawk ikunu r-rebbiħin *(li jidħlu l-Ġenna)*.
103. Iżda min ikollu l-miżien tiegħu ħafif *(għaliex mingħajr għemejjel tajba)*, dawk jitilfu rwieħhom *(u jkunu)* fl-Infern għal dejjem.
104. In-Nar jismot uċuħhom, u fih ikunu koroh u mdejqin.

أَلَمْ تَكُنْ ءَايَٰتِي تُتْلَىٰ عَلَيْكُمْ فَكُنتُم بِهَا تُكَذِّبُونَ ﴿105﴾ قَالُوا
رَبَّنَا غَلَبَتْ عَلَيْنَا شِقْوَتُنَا وَكُنَّا قَوْمًا ضَالِّينَ ﴿106﴾ رَبَّنَا
أَخْرِجْنَا مِنْهَا فَإِنْ عُدْنَا فَإِنَّا ظَٰلِمُونَ ﴿107﴾ قَالَ اخْسَـُٔوا فِيهَا
وَلَا تُكَلِّمُونِ ﴿108﴾ إِنَّهُۥ كَانَ فَرِيقٌ مِّنْ عِبَادِي يَقُولُونَ رَبَّنَا
ءَامَنَّا فَاغْفِرْ لَنَا وَارْحَمْنَا وَأَنتَ خَيْرُ الرَّٰحِمِينَ ﴿109﴾ فَاتَّخَذْتُمُوهُمْ
سِخْرِيًّا حَتَّىٰٓ أَنسَوْكُمْ ذِكْرِي وَكُنتُم مِّنْهُمْ تَضْحَكُونَ ﴿110﴾
إِنِّي جَزَيْتُهُمُ الْيَوْمَ بِمَا صَبَرُوٓا أَنَّهُمْ هُمُ الْفَآئِزُونَ ﴿111﴾ قَٰلَ
كَمْ لَبِثْتُمْ فِي الْأَرْضِ عَدَدَ سِنِينَ ﴿112﴾ قَالُوا لَبِثْنَا يَوْمًا أَوْ بَعْضَ
يَوْمٍ فَسْـَٔلِ الْعَآدِّينَ ﴿113﴾ قَٰلَ إِن لَّبِثْتُمْ إِلَّا قَلِيلًا لَّوْ أَنَّكُمْ
كُنتُمْ تَعْلَمُونَ ﴿114﴾ أَفَحَسِبْتُمْ أَنَّمَا خَلَقْنَٰكُمْ عَبَثًا وَأَنَّكُمْ
إِلَيْنَا لَا تُرْجَعُونَ ﴿115﴾ فَتَعَٰلَى اللَّهُ الْمَلِكُ الْحَقُّ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا
هُوَ رَبُّ الْعَرْشِ الْكَرِيمِ ﴿116﴾ وَمَن يَدْعُ مَعَ اللَّهِ إِلَٰهًا
ءَاخَرَ لَا بُرْهَٰنَ لَهُۥ بِهِۦ فَإِنَّمَا حِسَابُهُۥ عِندَ رَبِّهِۦٓ ۚ إِنَّهُۥ لَا يُفْلِحُ
الْكَٰفِرُونَ ﴿117﴾ وَقُل رَّبِّ اغْفِرْ وَارْحَمْ وَأَنتَ خَيْرُ الرَّٰحِمِينَ ﴿118﴾

سُورَةُ النُّورِ

105. *(Imbagħad jingħad lil dawk li ċaħdu t-twemmin:)* "Mela l-versi tiegħi ma kinux jinqrawlkom, u kontu tgiddbuhom?"
106. Huma jgħidu: "Sidna, il-ħażen tagħna għelibna, u konna nies mitlufin.
107. Sidna, oħroġna minnu *(in-Nar)*, u jekk nerġgħu lura *(għall-qerq u d-dmub)*, inkunu tabilħaqq ħżiena!"
108. Jgħid*(ilhom)*: "Morru fih *(in-Nar)* imkeċċijin u mkasbrin, u la tkellmunix!
109. Tabilħaqq li ġemgħa mill-qaddejja tiegħi kienu jgħidu: 'Sidna, aħna emminna! Mela aħfrilna u ħenn għalina. Int l-Aħjar li tħenn!'
110. Iżda intom waqqajtuhom għaċ-ċajt, ħekk li nessewkom it-tifkira tiegħi waqt li kontu tidħku bihom.
111. Illum *(lill-qaddejja tiegħi)* tajthom il-premju talli stabru, u huma tassew ir-rebbiħin!"
112. Huwa jgħid*(ilhom)*: "Kemm-il sena domtu fuq l-art?"
113. Huma jgħidu: "Domna jum, jew biċċa minnu. Staqsi lil dawk li jgħoddu."
114. Jgħidilhom *(il-Mulej)*: "Ma domtux għajr għal ftit, li kontu tafu!
115. Jaqaw ħsibtu li ħlaqniekom għalxejn, u li m'intomx se titreġġgħu lura għandna *(f'Jum il-Ġudizzju)*?"
116. Għalhekk ħalli jogħla Alla, is-Sultan, is-Sewwa! Ma hemmx alla *(ieħor)* ħliefu – Sid it-Tron ta' ġieħ!
117. U min isejjaħ alla ieħor ma' Alla, mingħajr ma għandu prova ta' dan, il-kont tiegħu jinsab biss għand Sidu *(il-Mulej, u jasal il-Jum li jrid iħallsu)*. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux ma jirbħux *(il-Ġenna)*!
118. U għid *(Muħammad)*: "Sidi, aħfer u ħenn! Inti l-Aħjar fost dawk li jħennu!"

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

سُورَةٌ أَنزَلْنَاهَا وَفَرَضْنَاهَا وَأَنزَلْنَا فِيهَا آيَاتٍ بَيِّنَاتٍ لَّعَلَّكُمْ تَذَكَّرُونَ
(1) الزَّانِيَةُ وَالزَّانِي فَاجْلِدُوا كُلَّ وَاحِدٍ مِّنْهُمَا مِائَةَ جَلْدَةٍ ۖ وَلَا تَأْخُذْكُم
بِهِمَا رَأْفَةٌ فِي دِينِ اللَّهِ إِن كُنتُمْ تُؤْمِنُونَ بِاللَّهِ وَالْيَوْمِ الْآخِرِ ۖ وَلْيَشْهَدْ
عَذَابَهُمَا طَائِفَةٌ مِّنَ الْمُؤْمِنِينَ (2) الزَّانِي لَا يَنكِحُ إِلَّا زَانِيَةً أَوْ
مُشْرِكَةً وَالزَّانِيَةُ لَا يَنكِحُهَا إِلَّا زَانٍ أَوْ مُشْرِكٌ ۚ وَحُرِّمَ ذَٰلِكَ عَلَى
الْمُؤْمِنِينَ (3) وَالَّذِينَ يَرْمُونَ الْمُحْصَنَاتِ ثُمَّ لَمْ يَأْتُوا بِأَرْبَعَةِ شُهَدَاءَ
فَاجْلِدُوهُمْ ثَمَانِينَ جَلْدَةً وَلَا تَقْبَلُوا لَهُمْ شَهَادَةً أَبَدًا ۚ وَأُولَٰئِكَ هُمُ
الْفَاسِقُونَ (4) إِلَّا الَّذِينَ تَابُوا مِن بَعْدِ ذَٰلِكَ وَأَصْلَحُوا فَإِنَّ اللَّهَ غَفُورٌ
رَّحِيمٌ (5) وَالَّذِينَ يَرْمُونَ أَزْوَاجَهُمْ وَلَمْ يَكُن لَّهُمْ شُهَدَاءُ إِلَّا أَنفُسُهُمْ
فَشَهَادَةُ أَحَدِهِمْ أَرْبَعُ شَهَادَاتٍ بِاللَّهِ ۙ إِنَّهُ لَمِنَ الصَّادِقِينَ (6)
وَالْخَامِسَةُ أَنَّ لَعْنَتَ اللَّهِ عَلَيْهِ إِن كَانَ مِنَ الْكَاذِبِينَ (7) وَيَدْرَأُ
عَنْهَا الْعَذَابَ أَن تَشْهَدَ أَرْبَعَ شَهَادَاتٍ بِاللَّهِ ۙ إِنَّهُ لَمِنَ الْكَاذِبِينَ
(8) وَالْخَامِسَةَ أَنَّ غَضَبَ اللَّهِ عَلَيْهَا إِن كَانَ مِنَ الصَّادِقِينَ (9)
وَلَوْلَا فَضْلُ اللَّهِ عَلَيْكُمْ وَرَحْمَتُهُ وَأَنَّ اللَّهَ تَوَّابٌ حَكِيمٌ (10)

24. *Sūratu n-Nūr*

(Suret id-Dawl – Niżlet f'Medina b'64 vers)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Ħanin.

1. *(Din hija)* sura li niżżilnieha *(lilek, Muħammad)*, għamilnieha obbligu *(għall-Misilmin)*, u niżżilna fiha sinjali ċari biex forsi tiftakru *(fit-twissija)*.
2. Liż-żienja u liż-żieni agħtuhom mitt sawt kull wieħed, u tħennux għalihom fejn tidħol il-liġi ta' Alla, jekk *(tassew)* temmnu f'Alla u fl-Aħħar Jum, u *(araw)* li ġemgħa minn dawk li jemmnu jixhdu għall-kastig tagħhom it-tnejn.[57]
3. Iż-żieni ma jiżżewwiġx għajr żienja, jew waħda li xxierek *(allat oħra ma' Alla)*, u liż-żienja ma jiżżewwiġhiex għajr *(bniedem)* żieni, jew wieħed li jxierek *(allat oħra ma' Alla)*. Dak *(iż-żwieġ ma' nies żienja u pagani)* huwa projbit għal dawk li jemmnu *(ħlief jekk iż-żieni, jew iż-żienja, jindmu)*.
4. U dawk li jixlu *(biż-żina)* lin-nisa safjin mingħajr ma jġibu erba' xhieda, agħtuhom tmenin sawt, u la tilqgħu qatt aktar ix-xhieda tagħhom. Dawk huma l-ħżiena,
5. ħlief dawk li, wara dan, nidmu u sewwew *(il-ħsara tal-qlajjiet li qalgħu u tax-xhieda ħażina li taw)*, għaliex Alla huwa tabilħaqq Kollu Maħfra, Ħanin.
6. U dawk *(l-irġiel)* li jixlu lin-nisa tagħhom *(b'żina)* mingħajr ma jkollhom xhieda oħra għajr tagħhom infushom, kull wieħed minnhom għandu jixhed għal erba' darbiet *(u jaħlef)* b'Alla li qiegħed jgħid is-sewwa,
7. u l-ħames *(ħalfa tkun)* li s-saħta ta' Alla fuqu jekk qiegħed jigdeb.
8. U *(lil dik il-mara)* teħlisha mill-kastig ix-xhieda tagħha għal erba' darbiet *(u taħlef)* b'Alla li *(dak li qiegħed jixliha)* huwa mill-giddibin,
9. u l-ħames *(ħalfa tagħha tkun)* li l-għadab ta' Alla fuqha jekk *(min jixliha)* ikun minn dawk li jgħidu s-sewwa.
10. Li mhux għat-tjieba ta' Alla fuqkom, u għall-ħniena tiegħu, u għaliex Alla jdur Kollu Maħfra, u Għaref, *(kieku l-kastig jinżel fuqkom għax qed tixlu lil xulxin mingħajr ebda xhud)*.

[57] Ara n-nota dwar dan il-vers taħt "Swat" fit-Tagħrif Ġenerali.

إِنَّ ٱلَّذِينَ جَآءُو بِٱلْإِفْكِ عُصْبَةٌ مِّنكُمْ ۚ لَا تَحْسَبُوهُ شَرًّا لَّكُم ۖ بَلْ هُوَ
خَيْرٌ لَّكُمْ ۚ لِكُلِّ ٱمْرِئٍ مِّنْهُم مَّا ٱكْتَسَبَ مِنَ ٱلْإِثْمِ ۚ وَٱلَّذِى تَوَلَّىٰ
كِبْرَهُۥ مِنْهُمْ لَهُۥ عَذَابٌ عَظِيمٌ ﴿11﴾ لَّوْلَآ إِذْ سَمِعْتُمُوهُ ظَنَّ ٱلْمُؤْمِنُونَ
وَٱلْمُؤْمِنَٰتُ بِأَنفُسِهِمْ خَيْرًا وَقَالُوا۟ هَٰذَآ إِفْكٌ مُّبِينٌ ﴿12﴾ لَّوْلَا
جَآءُو عَلَيْهِ بِأَرْبَعَةِ شُهَدَآءَ ۚ فَإِذْ لَمْ يَأْتُوا۟ بِٱلشُّهَدَآءِ فَأُو۟لَٰٓئِكَ
عِندَ ٱللَّهِ هُمُ ٱلْكَٰذِبُونَ ﴿13﴾ وَلَوْلَا فَضْلُ ٱللَّهِ عَلَيْكُمْ وَرَحْمَتُهُۥ
فِى ٱلدُّنْيَا وَٱلْءَاخِرَةِ لَمَسَّكُمْ فِى مَآ أَفَضْتُمْ فِيهِ عَذَابٌ عَظِيمٌ ﴿14﴾
إِذْ تَلَقَّوْنَهُۥ بِأَلْسِنَتِكُمْ وَتَقُولُونَ بِأَفْوَٰهِكُم مَّا لَيْسَ لَكُم بِهِۦ عِلْمٌ
وَتَحْسَبُونَهُۥ هَيِّنًا وَهُوَ عِندَ ٱللَّهِ عَظِيمٌ ﴿15﴾ وَلَوْلَآ إِذْ سَمِعْتُمُوهُ
قُلْتُم مَّا يَكُونُ لَنَآ أَن نَّتَكَلَّمَ بِهَٰذَا سُبْحَٰنَكَ هَٰذَا بُهْتَٰنٌ عَظِيمٌ
﴿16﴾ يَعِظُكُمُ ٱللَّهُ أَن تَعُودُوا۟ لِمِثْلِهِۦٓ أَبَدًا إِن كُنتُم مُّؤْمِنِينَ ﴿17﴾
وَيُبَيِّنُ ٱللَّهُ لَكُمُ ٱلْءَايَٰتِ ۚ وَٱللَّهُ عَلِيمٌ حَكِيمٌ ﴿18﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ
يُحِبُّونَ أَن تَشِيعَ ٱلْفَٰحِشَةُ فِى ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ
فِى ٱلدُّنْيَا وَٱلْءَاخِرَةِ ۚ وَٱللَّهُ يَعْلَمُ وَأَنتُمْ لَا تَعْلَمُونَ ﴿19﴾ وَلَوْلَا
فَضْلُ ٱللَّهِ عَلَيْكُمْ وَرَحْمَتُهُۥ وَأَنَّ ٱللَّهَ رَءُوفٌ رَّحِيمٌ ﴿20﴾

11. Tabilħaqq li dawk li ġew bil-qerq *(u qalgħu qlajjiet dwar Għajxa, mart il-Profeta)* huma ġemgħa minn fostkom. Taħsbux li dan huwa ħażin għalikom, anzi, huwa tajjeb għalikom *(għaliex Alla stess jixhed li din il-mara ma hijiex ħatja ta' ebda żina)*. Ta' kull bniedem minnhom hija l-ħtija li kiseb, u dak li kellu l-akbar sehem fosthom *(Għabd Allāh bin 'Ubaj bin Salūl, il-mexxej ta' l-ipokriti)*, għandu kastig mill-kbar.
12. Għaliex, meta smajtuha *(din il-gidba dwar Għajxa)*, l-irġiel u n-nisa li jemmnu ma ħasbux tajjeb *(f'ħuthom)* bħalma jaħsbu fihom infushom, u ma qalux: "Dan qerq *(u gideb)* biċ-ċar?"
13. Għaliex ma ġabux erba' xhieda għaliha *(din il-ħaġa)*? U minħabba li ma ġabux ix-xhieda, għal Alla dawk huma l-giddibin.
14. U li mhux għat-tjieba ta' Alla fuqkom, u l-ħniena tiegħu f'*(din)* id-dinja u fl-Oħra, kien imisskom kastig mill-kbar talli ġrejtu wisq bi lsienkom,
15. meta *(il-kliem fieragħ)* ilqajtuh fi lsienkom, u tgħidu b'fommkom dak li ma għandkomx għarfien dwaru, u tqisuh xi ħaġa żgħira, filwaqt li għal Alla *(din hija ħaġa)* tassew kbira.
16. U għaliex, meta smajtuh *(dan il-kliem fieragħ)* ma għedtux: "Mhux xieraq għalina li nitkellmu dwar dan. Sebħ lilek *(Mulej)*! Din *(li qalgħu minn żniedhom dwar Għaxja hija)* gidba mill-kbar!"
17. Alla jwissikom biex qatt ma terġgħu tagħmlu hekk, jekk *(tassew)* temmnu.
18. Alla jurikom biċ-ċar il-versi *(tal-Qoran)*. Alla jaf kollox, Għaref!
19. Tabilħaqq li dawk li jixtiequ li jixtered il-faħx fost dawk li jemmnu, *(dawn)* se jkollhom kastig ta' wġigħ f'*(din)* id-dinja u fl-Oħra. U Alla jaf *(b'kollox)*, filwaqt li intom ma tafux!
20. U li mhux għat-tjieba ta' Alla fuqkom, u l-ħniena tiegħu, u li Alla huwa Kollu Tjubija, Ħanin, *(kieku ilkom meqrudin)*.

الحزب 36

۞ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ لَا تَتَّبِعُواْ خُطُوَٰتِ ٱلشَّيۡطَٰنِۚ وَمَن يَتَّبِعۡ
خُطُوَٰتِ ٱلشَّيۡطَٰنِ فَإِنَّهُۥ يَأۡمُرُ بِٱلۡفَحۡشَآءِ وَٱلۡمُنكَرِۚ وَلَوۡلَا فَضۡلُ
ٱللَّهِ عَلَيۡكُمۡ وَرَحۡمَتُهُۥ مَا زَكَىٰ مِنكُم مِّنۡ أَحَدٍ أَبَدٗا وَلَٰكِنَّ ٱللَّهَ يُزَكِّي
مَن يَشَآءُۗ وَٱللَّهُ سَمِيعٌ عَلِيمٞ ﴿21﴾ وَلَا يَأۡتَلِ أُوْلُواْ ٱلۡفَضۡلِ مِنكُمۡ
وَٱلسَّعَةِ أَن يُؤۡتُوٓاْ أُوْلِي ٱلۡقُرۡبَىٰ وَٱلۡمَسَٰكِينَ وَٱلۡمُهَٰجِرِينَ فِي
سَبِيلِ ٱللَّهِۖ وَلۡيَعۡفُواْ وَلۡيَصۡفَحُوٓاْۗ أَلَا تُحِبُّونَ أَن يَغۡفِرَ ٱللَّهُ لَكُمۡۗ
وَٱللَّهُ غَفُورٞ رَّحِيمٌ ﴿22﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ يَرۡمُونَ ٱلۡمُحۡصَنَٰتِ ٱلۡغَٰفِلَٰتِ
ٱلۡمُؤۡمِنَٰتِ لُعِنُواْ فِي ٱلدُّنۡيَا وَٱلۡأٓخِرَةِ وَلَهُمۡ عَذَابٌ عَظِيمٞ ﴿23﴾
يَوۡمَ تَشۡهَدُ عَلَيۡهِمۡ أَلۡسِنَتُهُمۡ وَأَيۡدِيهِمۡ وَأَرۡجُلُهُم بِمَا كَانُواْ يَعۡمَلُونَ
﴿24﴾ يَوۡمَئِذٖ يُوَفِّيهِمُ ٱللَّهُ دِينَهُمُ ٱلۡحَقَّ وَيَعۡلَمُونَ أَنَّ ٱللَّهَ هُوَ ٱلۡحَقُّ
ٱلۡمُبِينُ ﴿25﴾ ٱلۡخَبِيثَٰتُ لِلۡخَبِيثِينَ وَٱلۡخَبِيثُونَ لِلۡخَبِيثَٰتِۖ
وَٱلطَّيِّبَٰتُ لِلطَّيِّبِينَ وَٱلطَّيِّبُونَ لِلطَّيِّبَٰتِۚ أُوْلَٰٓئِكَ مُبَرَّءُونَ
مِمَّا يَقُولُونَۖ لَهُم مَّغۡفِرَةٞ وَرِزۡقٞ كَرِيمٞ ﴿26﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ
ءَامَنُواْ لَا تَدۡخُلُواْ بُيُوتًا غَيۡرَ بُيُوتِكُمۡ حَتَّىٰ تَسۡتَأۡنِسُواْ
وَتُسَلِّمُواْ عَلَىٰٓ أَهۡلِهَاۚ ذَٰلِكُمۡ خَيۡرٞ لَّكُمۡ لَعَلَّكُمۡ تَذَكَّرُونَ ﴿27﴾

21. Intom li temmnu, timxux fil-passi tax-Xitan *(u xxerrdu l-qerq u l-gideb bħalu)*. U min jimxi fil-passi tax-Xitan *(għandu jkun jaf illi)* huwa *(ix-Xitan)* tabilħaqq jamar *(li jsir)* il-faħx u *(kull)* għemil ħażin. U li mhux għat-tjieba ta' Alla fuqkom, u l-ħniena tiegħu, ħadd minnkom qatt ma kien ikun safi, iżda Alla jsaffi lil min irid. Alla jisma' kollox u jaf kollox.

22. L-għonja fostkom u dawk ta' ġid kotran ma għandhomx jaħilfu li ma jgħinux lill-qraba tagħhom, lill-fqar u lil dawk li emigraw għal Alla, u għandhom jaħfru u jagħdru *(xi nuqqasijiet li saru magħhom)*. Mela ma tixtiqux li Alla jaħfer lilkom? Alla Kollu Maħfra, Ħanin.

23. Tabilħaqq li dawk li jixlu lin-nisa safjin, li qatt ma kellhom il-ħsieb ta' għemil faħxi, u li jemmnu, *(nies bħal)* dawk jinsteħtu f'*(din)* id-dinja u fl-Oħra, u jkollhom kastig mill-kbar;

24. dakinhar li l-ilsna tagħhom, idejhom u riġlejhom *(stess)* jixhdu kontrihom għal dak *(il-qerq u l-ħażen)* li kienu jagħmlu.

25. Dakinhar *(ta' Jum il-Ġudizzju)* Alla jħallashom il-ħlas sħiħ tagħhom, u jkunu jafu li Alla huwa, bla dubju, is-Sewwa biċ-ċar.

26. In-nisa l-ħżiena *(jiswew)* għall-irġiel il-ħżiena, u l-irġiel il-ħżiena għan-nisa l-ħżiena, filwaqt li n-nisa t-tajbin *(bħal Għajxa, tiswa)* għall-irġiel it-tajbin *(bħall-Profeta Muħammad)*, u l-irġiel it-tajbin għan-nisa t-tajbin. Dawn huma ħielsa minn dak *(il-ħażen)* li *(in-nies)* jgħidu *(fuqhom)*, u jkollhom maħfra u ħlas kotran *(fil-Ġenna)*.

27. Intom li temmnu, tidħlux fi djar li ma humiex djarkom, qabel ma titolbu permess u ssellmu lil nieshom. Dak ikun aħjar għalikom *(li tagħmlu)* biex forsi tiftakru *(kif iġġibu rwieħkom)*.

فَإِن لَّمْ تَجِدُوا۟ فِيهَآ أَحَدًا فَلَا تَدْخُلُوهَا حَتَّىٰ يُؤْذَنَ لَكُمْ ۖ وَإِن
قِيلَ لَكُمُ ٱرْجِعُوا۟ فَٱرْجِعُوا۟ ۖ هُوَ أَزْكَىٰ لَكُمْ ۚ وَٱللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ
عَلِيمٌ ﴿28﴾ لَّيْسَ عَلَيْكُمْ جُنَاحٌ أَن تَدْخُلُوا۟ بُيُوتًا غَيْرَ مَسْكُونَةٍ
فِيهَا مَتَٰعٌ لَّكُمْ ۚ وَٱللَّهُ يَعْلَمُ مَا تُبْدُونَ وَمَا تَكْتُمُونَ ﴿29﴾
قُل لِّلْمُؤْمِنِينَ يَغُضُّوا۟ مِنْ أَبْصَٰرِهِمْ وَيَحْفَظُوا۟ فُرُوجَهُمْ ۚ
ذَٰلِكَ أَزْكَىٰ لَهُمْ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ خَبِيرٌۢ بِمَا يَصْنَعُونَ ﴿30﴾ وَقُل لِّلْمُؤْمِنَٰتِ
يَغْضُضْنَ مِنْ أَبْصَٰرِهِنَّ وَيَحْفَظْنَ فُرُوجَهُنَّ وَلَا يُبْدِينَ
زِينَتَهُنَّ إِلَّا مَا ظَهَرَ مِنْهَا ۖ وَلْيَضْرِبْنَ بِخُمُرِهِنَّ عَلَىٰ جُيُوبِهِنَّ ۖ
وَلَا يُبْدِينَ زِينَتَهُنَّ إِلَّا لِبُعُولَتِهِنَّ أَوْ ءَابَآئِهِنَّ أَوْ
ءَابَآءِ بُعُولَتِهِنَّ أَوْ أَبْنَآئِهِنَّ أَوْ أَبْنَآءِ بُعُولَتِهِنَّ
أَوْ إِخْوَٰنِهِنَّ أَوْ بَنِىٓ إِخْوَٰنِهِنَّ أَوْ بَنِىٓ أَخَوَٰتِهِنَّ أَوْ نِسَآئِهِنَّ
أَوْ مَا مَلَكَتْ أَيْمَٰنُهُنَّ أَوِ ٱلتَّٰبِعِينَ غَيْرِ أُو۟لِى ٱلْإِرْبَةِ مِنَ
ٱلرِّجَالِ أَوِ ٱلطِّفْلِ ٱلَّذِينَ لَمْ يَظْهَرُوا۟ عَلَىٰ عَوْرَٰتِ ٱلنِّسَآءِ ۖ
وَلَا يَضْرِبْنَ بِأَرْجُلِهِنَّ لِيُعْلَمَ مَا يُخْفِينَ مِن زِينَتِهِنَّ ۚ وَتُوبُوٓا۟
إِلَى ٱللَّهِ جَمِيعًا أَيُّهَ ٱلْمُؤْمِنُونَ لَعَلَّكُمْ تُفْلِحُونَ ﴿31﴾

28. U jekk ma ssibu lil ħadd fihom, tidħlux fihom qabel ma tingħataw permess. U jekk jingħad lilkom: "Erġgħu lura *(minn fejn ġejtu)*," erġgħu lura! Dan ikun aktar safi għalikom. Alla jaf b'kulma tagħmlu.

29. Ma jkollkomx ħtija fuqkom jekk tidħlu *(bla permess)* fi djar bla nies *(li dejjem jgħixu fihom, bħal lukandi u postijiet pubbliċi)* u ssibu fihom xi qadi *(għall-ħtiġijiet tagħkom, bħalma huwa l-kenn u l-mistrieħ)*. Alla jaf b'dak li turu u b'dak li taħbu.

30. Għid *(Muħammad)* lil dawk l-irġiel li jemmnu biex jgħakksu għajnejhom, u jħarsu *(is-safa)* tal-partijiet privati tagħhom. Dak huwa aktar safi għalihom. Tabilħaqq li Alla jaf sewwa b'dak li jagħmlu.

31. U għid *(ukoll)* lil dawk in-nisa li jemmnu biex jgħakksu għajnejhom, iħarsu *(is-safa)* tal-partijiet privati tagħhom, ma jurux ġmielhom ħlief dak li jidher minnu, jiġbdu l-velijiet *(li bihom jgħattu rjushom)* għal fuq sidirhom, u ma jurux ġmielhom ħlief lil żwieġhom, jew lil missirijiethom, jew missirijiet żwieġhom, jew lil uliedhom, jew ulied żwieġhom, jew lil ħuthom subien, jew ulied ħuthom subien, jew lil ulied ħuthom il-bniet, jew lin-nisa tagħhom, jew lill-*(ilsiera nisa)* li għandhom f'idejhom, jew lill-qaddejja rġiel neqsin mill-ġibda tal-ġisem, inkella lit-tfal li ma jifhmux l-għera fin-nisa. Lanqas ma għandhom in-nisa jħabbtu *(il-brazzuletti milbusa madwar)* riġlejhom biex *(fil-mixi tagħhom)* isir magħruf il-ġmiel moħbi tagħhom. U duru lkoll nedmin lejn Alla, intom li temmnu, biex forsi toħorġu rebbiħin.

وَأَنكِحُوا۟ ٱلْأَيَـٰمَىٰ مِنكُمْ وَٱلصَّـٰلِحِينَ مِنْ عِبَادِكُمْ وَإِمَآئِكُمْ ۚ إِن
يَكُونُوا۟ فُقَرَآءَ يُغْنِهِمُ ٱللَّهُ مِن فَضْلِهِۦ ۗ وَٱللَّهُ وَٰسِعٌ عَلِيمٌ ﴿32﴾
وَلْيَسْتَعْفِفِ ٱلَّذِينَ لَا يَجِدُونَ نِكَاحًا حَتَّىٰ يُغْنِيَهُمُ ٱللَّهُ مِن فَضْلِهِۦ ۗ
وَٱلَّذِينَ يَبْتَغُونَ ٱلْكِتَـٰبَ مِمَّا مَلَكَتْ أَيْمَـٰنُكُمْ فَكَاتِبُوهُمْ إِنْ
عَلِمْتُمْ فِيهِمْ خَيْرًا ۖ وَءَاتُوهُم مِّن مَّالِ ٱللَّهِ ٱلَّذِىٓ ءَاتَىٰكُمْ ۚ وَلَا
تُكْرِهُوا۟ فَتَيَـٰتِكُمْ عَلَى ٱلْبِغَآءِ إِنْ أَرَدْنَ تَحَصُّنًا لِّتَبْتَغُوا۟ عَرَضَ ٱلْحَيَوٰةِ
ٱلدُّنْيَا ۚ وَمَن يُكْرِههُّنَّ فَإِنَّ ٱللَّهَ مِنۢ بَعْدِ إِكْرَٰهِهِنَّ غَفُورٌ رَّحِيمٌ
﴿33﴾ وَلَقَدْ أَنزَلْنَآ إِلَيْكُمْ ءَايَـٰتٍ مُّبَيِّنَـٰتٍ وَمَثَلًا مِّنَ ٱلَّذِينَ خَلَوْا۟
مِن قَبْلِكُمْ وَمَوْعِظَةً لِّلْمُتَّقِينَ ﴿34﴾ ۞ ٱللَّهُ نُورُ ٱلسَّمَـٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضِ ۚ مَثَلُ نُورِهِۦ كَمِشْكَوٰةٍ فِيهَا مِصْبَاحٌ ۖ ٱلْمِصْبَاحُ فِى زُجَاجَةٍ ۖ
ٱلزُّجَاجَةُ كَأَنَّهَا كَوْكَبٌ دُرِّىٌّ يُوقَدُ مِن شَجَرَةٍ مُّبَـٰرَكَةٍ زَيْتُونَةٍ
لَّا شَرْقِيَّةٍ وَلَا غَرْبِيَّةٍ يَكَادُ زَيْتُهَا يُضِىٓءُ وَلَوْ لَمْ تَمْسَسْهُ نَارٌ ۚ
نُّورٌ عَلَىٰ نُورٍ ۗ يَهْدِى ٱللَّهُ لِنُورِهِۦ مَن يَشَآءُ ۚ وَيَضْرِبُ ٱللَّهُ ٱلْأَمْثَـٰلَ
لِلنَّاسِ ۗ وَٱللَّهُ بِكُلِّ شَىْءٍ عَلِيمٌ ﴿35﴾ فِى بُيُوتٍ أَذِنَ ٱللَّهُ أَن تُرْفَعَ
وَيُذْكَرَ فِيهَا ٱسْمُهُۥ يُسَبِّحُ لَهُۥ فِيهَا بِٱلْغُدُوِّ وَٱلْـَٔاصَالِ ﴿36﴾

ربع الحزب 36

32. Żewġu lil dawk *(l-irġiel u n-nisa)* fostkom li ma humiex miżżewġin, u lit-tajbin minn fost l-ilsiera rġiel u nisa tagħkom. U jekk ikunu foqra, Alla jagħtihom il-ġid mit-tjieba tiegħu. Alla Wiesa' *(fit-tjieba tiegħu)* u jaf kollox.

33. Ħa jħarsu s-safa tagħhom dawk li ma jsibux jiżżewġu sa ma Alla jagħtihom il-ġid mit-tjieba tiegħu. U dawk *(l-ilsiera)* li għandkom f'idejkom li jitolbu *(mingħandkom)* il-kitba *(tal-fidwa)*, iktbuhielhom jekk issibu xi ġid fihom, u agħtuhom mill-ġid li Alla takom. La ġġegħlux lill-ilsiera bniet tagħkom jagħtuha għaż-żina, fil-kilba tagħkom għall-ħwejjeġ tal-ħajja f'din id-dinja, meta dawn iridu jħarsu s-safa tagħhom. Min iġagħalhom *(jagħtuha għaż-żina għandu jkun jaf)* li, għaliex kienu mġiegħla, Alla tabilħaqq huwa Kollu Maħfra *(ma' dawk in-nisa)*, Ħanin.

34. Aħna tassew niżżilnielkom versi ċari u *(tajna)* eżempju b'dawk *(il-ġnus)* li għaddew qabilkom bħala twissija lil dawk li jibżgħu minn Alla.

35. Alla huwa Dawl is-smewwiet u l-art. Id-Dawl tiegħu jixbah niċċa li fiha musbieħ; il-musbieħ jinsab fi ħġieġa *(safja)*; il-ħġieġa qisha kewkba tleqq; *(il-musbieħ)* imkebbes minn siġra mbierka: żebbuġa *(mxettla)* la fil-Lvant u lanqas fil-Punent *(imma bejniethom, fid-dežert, fejn ix-xemx tisreġ u ssajjar il-frott tagħha aktar)*, li ż-żejt tagħha *(huwa hekk safi u li)* għoddu jdawwal mingħajr ma jmissu n-nar. Dawl fuq Dawl. Alla jmexxi lejn id-Dawl tiegħu lil min irid. Alla jġib it-tixbihat linnies, u Alla jaf b'kollox!

36. *(Id-Dawl ta' Alla jinsab)* fi djar *(il-moskej)* li Alla ried li jinbnew, u li fihom jissemma Ismu, u jsebbħuh fihom filgħodu u filgħaxija, *(bla waqfien)*,

رِجَالٌ لَّا تُلْهِيهِمْ تِجَارَةٌ وَلَا بَيْعٌ عَن ذِكْرِ اللَّهِ وَإِقَامِ الصَّلَوٰةِ وَإِيتَآءِ
الزَّكَوٰةِ يَخَافُونَ يَوْمًا تَتَقَلَّبُ فِيهِ الْقُلُوبُ وَالْأَبْصَٰرُ ﴿37﴾
لِيَجْزِيَهُمُ اللَّهُ أَحْسَنَ مَا عَمِلُوا۟ وَيَزِيدَهُم مِّن فَضْلِهِۦ ۗ وَاللَّهُ يَرْزُقُ
مَن يَشَآءُ بِغَيْرِ حِسَابٍ ﴿38﴾ وَالَّذِينَ كَفَرُوٓا۟ أَعْمَٰلُهُمْ كَسَرَابٍۭ
بِقِيعَةٍ يَحْسَبُهُ الظَّمْـَٔانُ مَآءً حَتَّىٰٓ إِذَا جَآءَهُۥ لَمْ يَجِدْهُ شَيْـًٔا
وَوَجَدَ اللَّهَ عِندَهُۥ فَوَفَّىٰهُ حِسَابَهُۥ ۗ وَاللَّهُ سَرِيعُ الْحِسَابِ ﴿39﴾
أَوْ كَظُلُمَٰتٍ فِى بَحْرٍ لُّجِّىٍّ يَغْشَىٰهُ مَوْجٌ مِّن فَوْقِهِۦ مَوْجٌ مِّن
فَوْقِهِۦ سَحَابٌ ظُلُمَٰتٌۢ بَعْضُهَا فَوْقَ بَعْضٍ إِذَآ أَخْرَجَ يَدَهُۥ لَمْ
يَكَدْ يَرَىٰهَا ۗ وَمَن لَّمْ يَجْعَلِ اللَّهُ لَهُۥ نُورًا فَمَا لَهُۥ مِن نُّورٍ ﴿40﴾ أَلَمْ تَرَ أَنَّ
اللَّهَ يُسَبِّحُ لَهُۥ مَن فِى السَّمَٰوَٰتِ وَالْأَرْضِ وَالطَّيْرُ صَٰٓفَّٰتٍ ۖ كُلٌّ قَدْ
عَلِمَ صَلَاتَهُۥ وَتَسْبِيحَهُۥ ۗ وَاللَّهُ عَلِيمٌۢ بِمَا يَفْعَلُونَ ﴿41﴾ وَلِلَّهِ مُلْكُ
السَّمَٰوَٰتِ وَالْأَرْضِ ۖ وَإِلَى اللَّهِ الْمَصِيرُ ﴿42﴾ أَلَمْ تَرَ أَنَّ اللَّهَ يُزْجِى
سَحَابًا ثُمَّ يُؤَلِّفُ بَيْنَهُۥ ثُمَّ يَجْعَلُهُۥ رُكَامًا فَتَرَى الْوَدْقَ يَخْرُجُ مِنْ
خِلَٰلِهِۦ وَيُنَزِّلُ مِنَ السَّمَآءِ مِن جِبَالٍ فِيهَا مِنۢ بَرَدٍ فَيُصِيبُ بِهِۦ مَن يَشَآءُ
وَيَصْرِفُهُۥ عَن مَّن يَشَآءُ ۖ يَكَادُ سَنَا بَرْقِهِۦ يَذْهَبُ بِالْأَبْصَٰرِ ﴿43﴾

37. irġiel li ebda negozju u bejgħ ma jnessihom isemmu lil Alla, li jagħmlu t-talb u jagħtu l-karità, u jibżgħu minn Jum li fih jitqallbu l-qlub u l-għajnejn *(bil-biża')*;

38. biex Alla jħallashom ta' l-aħjar *(għemejjel)* li għamlu, u jżidhom mit-tjieba tiegħu. Alla jagħti l-ġid *(tiegħu)* lil min irid Hu, bla qjies.

39. Iżda dawk li ċaħdu t-twemmin, l-għemejjel tagħhom huma bħal miraġġ fid-deżert: l-għatxan jaħsbu ilma, u meta jersaq lejh, isib li ma huwa xejn, iżda *(minflok)* hemmhekk isib lil Alla jħallsu l-kont sħiħ tiegħu. Alla malajr jagħmel il-kontijiet!

40. Jew *(inkella l-qagħda ta' dawk li ċaħdu t-twemmin hija)* bħal dlamijiet f'baħar bla qiegħ, mgħotti b'mewġ; b'mewġ *(ieħor)* fuqu, u fuqhom hemm sħab; dlamijiet fuq xulxin. Jekk *(xi ħadd)* imidd idu, ikun għoddu ma jarahiex. U lil dak li Alla ma jagħtihx dawl *(l-Islam f'qalbu)*, ma jkollux dawl.

41. Mela ma tarax li lil Alla jsebbħu dawk li jinsabu fis-smewwiet u fl-art, u t-tajr *(li jittajjar)* bil-ġwienaħ mifruxa? Kulħadd jaf it-talb u t-tifħir tiegħu. Alla jaf b'dak li jagħmlu.

42. U ta' Alla hija s-saltna tas-smewwiet u ta' l-art, u lejn Alla t-tmiem *(mill-isbaħ)*.

43. Mela ma tarax li Alla jmexxi s-sħab, imbagħad iġibu flimkien, jagħmlu gods wieħed, u tara x-xita toħroġ minn ġewwa fih? Huwa jniżżel mis-sema minn *(sħab li hu bħal)* iġbla ta' silġ, u bih jolqot lil min irid, u jżommu 'l bogħod minn min irid. Il-leħħa tal-beraq tiegħu għoddha tagħmi l-għajnejn.

يُقَلِّبُ ٱللَّهُ ٱلَّيْلَ وَٱلنَّهَارَ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَعِبْرَةً لِّأُو۟لِى ٱلْأَبْصَٰرِ ﴿44﴾
وَٱللَّهُ خَلَقَ كُلَّ دَآبَّةٍ مِّن مَّآءٍ ۖ فَمِنْهُم مَّن يَمْشِى عَلَىٰ بَطْنِهِۦ وَمِنْهُم مَّن
يَمْشِى عَلَىٰ رِجْلَيْنِ وَمِنْهُم مَّن يَمْشِى عَلَىٰٓ أَرْبَعٍ ۚ يَخْلُقُ ٱللَّهُ مَا يَشَآءُ ۚ
إِنَّ ٱللَّهَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿45﴾ لَّقَدْ أَنزَلْنَآ ءَايَٰتٍ مُّبَيِّنَٰتٍ ۚ
وَٱللَّهُ يَهْدِى مَن يَشَآءُ إِلَىٰ صِرَٰطٍ مُّسْتَقِيمٍ ﴿46﴾ وَيَقُولُونَ
ءَامَنَّا بِٱللَّهِ وَبِٱلرَّسُولِ وَأَطَعْنَا ثُمَّ يَتَوَلَّىٰ فَرِيقٌ مِّنْهُم مِّنۢ بَعْدِ
ذَٰلِكَ ۚ وَمَآ أُو۟لَٰٓئِكَ بِٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿47﴾ وَإِذَا دُعُوٓا۟ إِلَى ٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦ
لِيَحْكُمَ بَيْنَهُمْ إِذَا فَرِيقٌ مِّنْهُم مُّعْرِضُونَ ﴿48﴾ وَإِن يَكُن لَّهُمُ ٱلْحَقُّ
يَأْتُوٓا۟ إِلَيْهِ مُذْعِنِينَ ﴿49﴾ أَفِى قُلُوبِهِم مَّرَضٌ أَمِ ٱرْتَابُوٓا۟ أَمْ يَخَافُونَ
أَن يَحِيفَ ٱللَّهُ عَلَيْهِمْ وَرَسُولُهُۥ ۚ بَلْ أُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلظَّٰلِمُونَ ﴿50﴾
إِنَّمَا كَانَ قَوْلَ ٱلْمُؤْمِنِينَ إِذَا دُعُوٓا۟ إِلَى ٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦ لِيَحْكُمَ بَيْنَهُمْ
أَن يَقُولُوا۟ سَمِعْنَا وَأَطَعْنَا ۚ وَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْمُفْلِحُونَ ﴿51﴾ وَمَن
يُطِعِ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ وَيَخْشَ ٱللَّهَ وَيَتَّقْهِ فَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْفَآئِزُونَ
﴿52﴾ ۞ وَأَقْسَمُوا۟ بِٱللَّهِ جَهْدَ أَيْمَٰنِهِمْ لَئِنْ أَمَرْتَهُمْ لَيَخْرُجُنَّ ۖ قُل
لَّا تُقْسِمُوا۟ ۖ طَاعَةٌ مَّعْرُوفَةٌ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ خَبِيرٌۢ بِمَا تَعْمَلُونَ ﴿53﴾

نصف الحزب 36

44. Alla jaqleb *(wara xulxin)* il-lejl u n-nhar. Tabilħaqq li f'dan hawn tagħlima għal dawk li għandhom imħuħ *(biex jaraw u jifhmu)*.

45. Alla ħalaq kull ħliqa *(li tgħix fl-art)* mill-ilma, u hemm minnhom li jimxu fuq żaqqhom, minnhom li jimxu fuq riġlejn, u minnhom li jimxu fuq erbgħa. Alla joħloq li jrid. Alla tabilħaqq fuq kollox Setgħan.

46. Aħna tassew niżżilna versi li juru biċ-ċar *(it-triq it-tajba)*, u Alla jmexxi lil min irid lejn triq dritta.

47. *(Dawk ta' wiċċ b'ieħor)* jgħidu: "Aħna nemmnu f'Alla u fil-Mibgħut, u aħna nobdu*(hom)*!" Imbagħad wara dan *(tara)* li ġemgħa minnhom tagħti daharha *(u ma tagħtix widen)*. Dawk ma humiex *(tassew)* nies li jemmnu.

48. U meta jissejħu lejn Alla u l-Mibgħut tiegħu biex jagħmel ħaqq minnhom, uħud minnhom ma jkunux iridu.

49. Iżda jekk *(jaħsbu li)* għandhom raġun, *(araħom)* jiġu għandu *(il-Mibgħut tiegħu)* ubbidjenti.

50. Jaqaw fi qlubhom hemm xi marda, jew jinsabu fid-dubju, jew inkella jibżgħu li Alla u l-Mibgħut tiegħu jonqsu lejhom? Le, *(bil-maqlub)*! Dawk *(ta' wiċċ b'ieħor)* huma l-ħżiena!

51. It-tweġiba ta' dawk li jemmnu, meta jissejħu lejn Alla u l-Mibgħut tiegħu, biex jagħmel ħaqq bejniethom, tkun: "Aħna nisimgħu u nobdu!" Dawk huma r-rebbiħin.

52. U min jobdi lil Alla u lill-Mibgħut tiegħu, u jibża' minn Alla u joqgħod għalih, dawk huma r-rebbiħin.

53. *(Dawk ta' wiċċ b'ieħor)* jaħilfu l-aqwa ħalf b'Alla illi kieku kellek *(Muħammad)* tordnalhom, huma tassew joħorġu *(minn djarhom biex jitqabdu miegħek)*. Għidilhom: "La taħilfux *(għaliex qarrieq il-ħalf tagħkom)*! L-ubbidjenza tagħkom *(lejn Alla u l-Mibgħut tiegħu hija)* magħrufa *(bil-kliem biss)*! Tabilħaqq li Alla jaf sew b'dak li tagħmlu."

قُلْ أَطِيعُوا۟ ٱللَّهَ وَأَطِيعُوا۟ ٱلرَّسُولَ ۖ فَإِن تَوَلَّوْا۟ فَإِنَّمَا عَلَيْهِ مَا حُمِّلَ
وَعَلَيْكُم مَّا حُمِّلْتُمْ ۖ وَإِن تُطِيعُوهُ تَهْتَدُوا۟ ۚ وَمَا عَلَى ٱلرَّسُولِ
إِلَّا ٱلْبَلَٰغُ ٱلْمُبِينُ ﴿54﴾ وَعَدَ ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ مِنكُمْ وَعَمِلُوا۟
ٱلصَّٰلِحَٰتِ لَيَسْتَخْلِفَنَّهُمْ فِى ٱلْأَرْضِ كَمَا ٱسْتَخْلَفَ
ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ وَلَيُمَكِّنَنَّ لَهُمْ دِينَهُمُ ٱلَّذِى ٱرْتَضَىٰ لَهُمْ
وَلَيُبَدِّلَنَّهُم مِّنۢ بَعْدِ خَوْفِهِمْ أَمْنًا ۚ يَعْبُدُونَنِى لَا يُشْرِكُونَ بِى
شَيْـًٔا ۚ وَمَن كَفَرَ بَعْدَ ذَٰلِكَ فَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْفَٰسِقُونَ ﴿55﴾
وَأَقِيمُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ وَءَاتُوا۟ ٱلزَّكَوٰةَ وَأَطِيعُوا۟ ٱلرَّسُولَ لَعَلَّكُمْ
تُرْحَمُونَ ﴿56﴾ لَا تَحْسَبَنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ مُعْجِزِينَ فِى ٱلْأَرْضِ ۚ
وَمَأْوَىٰهُمُ ٱلنَّارُ ۖ وَلَبِئْسَ ٱلْمَصِيرُ ﴿57﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟
لِيَسْتَـْٔذِنكُمُ ٱلَّذِينَ مَلَكَتْ أَيْمَٰنُكُمْ وَٱلَّذِينَ لَمْ يَبْلُغُوا۟ ٱلْحُلُمَ مِنكُمْ
ثَلَٰثَ مَرَّٰتٍ ۚ مِّن قَبْلِ صَلَوٰةِ ٱلْفَجْرِ وَحِينَ تَضَعُونَ ثِيَابَكُم مِّنَ ٱلظَّهِيرَةِ
وَمِنۢ بَعْدِ صَلَوٰةِ ٱلْعِشَآءِ ۚ ثَلَٰثُ عَوْرَٰتٍ لَّكُمْ ۚ لَيْسَ عَلَيْكُمْ
وَلَا عَلَيْهِمْ جُنَاحٌۢ بَعْدَهُنَّ ۚ طَوَّٰفُونَ عَلَيْكُم بَعْضُكُمْ عَلَىٰ
بَعْضٍ ۚ كَذَٰلِكَ يُبَيِّنُ ٱللَّهُ لَكُمُ ٱلْءَايَٰتِ ۗ وَٱللَّهُ عَلِيمٌ حَكِيمٌ ﴿58﴾

54. Għid*(ilhom)*: "Oqogħdu għal Alla, u oqogħdu għall-Mibgħut! Iżda jekk tagħtu daharkom *(u ma tagħtux widen, il-Mibgħut)* ikun responsabbli ta' dak li tqabbad jagħmel *(ix-xandir tal-Kelma ta' Alla)*, u intom tkunu responsabbli ta' dak li tqabbadtu tagħmlu *(li tisimgħu l-Kelma ta' Alla u timxu fit-triq ta' l-Islam)*. U jekk toqogħdu għalih *(il-Mibgħut)*, tkunu fit-triq it-tajba. Dmir il-Mibgħut ma huwiex ħlief *(li jwassal)* it-taħbira mill-aktar ċara."

55. Alla wiegħed lil dawk minnkom li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba li se jagħtihom l-art b'wirt, bħalma kien taha lil ta' qabilhom, u li jsaħħilhom id-din tagħhom *(l-Islam)* li Huwa għażel għalihom, u li tassew jibdlilhom il-biża' tagħhom fi sliem *(u ħarsien)*. *(Alla jgħid:)* "Huma jqimuni u ma jxierku xejn miegħi." Iżda min, wara dan, jiċħad it-twemmin *(u l-grazzji ta' Alla)*, dawk ikunu l-ħżiena.

56. Agħmlu t-talb, agħtu l-karità, u oqogħdu għall-Mibgħut biex forsi ssir ħniena magħkom!

57. La taħsibx *(Muħammad)* li dawk li ċaħdu t-twemmin se jaħarbu minn Alla fuq l-art! Il-kenn tagħhom ikun in-Nar, u ta' għajb it-tmiem *(tagħhom)*!

58. Intom li temmnu, araw li l-ilsiera tagħkom u dawk li għadhom taħt l-età jitolbukom permess *(qabel jidhru quddiemkom)* fi tliet waqtiet: qabel it-talb ta' filgħodu, x'ħin tinżgħu ħwejjiġkom f'nofsinhar, u wara t-talb ta' filgħaxija. *(Dawk huma)* it-tliet *(waqtiet)* għalikom meta *(forsi)* tkunu għarwenin *(fi djarkom)*. F'ħinijiet oħra, la intom u lanqas huma ma jkollhom ebda ħtija jekk tmorru għand xulxin. Hekk Alla jurikom is-sinjali *(tiegħu fil-Qoran)*. Alla jaf kollox u Għaref.

وَإِذَا بَلَغَ ٱلْأَطْفَٰلُ مِنكُمُ ٱلْحُلُمَ فَلْيَسْتَـْٔذِنُوا۟ كَمَا ٱسْتَـْٔذَنَ
ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ ۚ كَذَٰلِكَ يُبَيِّنُ ٱللَّهُ لَكُمْ ءَايَٰتِهِۦ ۗ وَٱللَّهُ
عَلِيمٌ حَكِيمٌ ﴿59﴾ وَٱلْقَوَٰعِدُ مِنَ ٱلنِّسَآءِ ٱلَّٰتِى لَا يَرْجُونَ
نِكَاحًا فَلَيْسَ عَلَيْهِنَّ جُنَاحٌ أَن يَضَعْنَ ثِيَابَهُنَّ
غَيْرَ مُتَبَرِّجَٰتٍۭ بِزِينَةٍ ۖ وَأَن يَسْتَعْفِفْنَ خَيْرٌ لَّهُنَّ ۗ وَٱللَّهُ
سَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿60﴾ لَّيْسَ عَلَى ٱلْأَعْمَىٰ حَرَجٌ وَلَا عَلَى ٱلْأَعْرَجِ
حَرَجٌ وَلَا عَلَى ٱلْمَرِيضِ حَرَجٌ وَلَا عَلَىٰٓ أَنفُسِكُمْ أَن تَأْكُلُوا۟
مِنۢ بُيُوتِكُمْ أَوْ بُيُوتِ ءَابَآئِكُمْ أَوْ بُيُوتِ أُمَّهَٰتِكُمْ
أَوْ بُيُوتِ إِخْوَٰنِكُمْ أَوْ بُيُوتِ أَخَوَٰتِكُمْ أَوْ بُيُوتِ
أَعْمَٰمِكُمْ أَوْ بُيُوتِ عَمَّٰتِكُمْ أَوْ بُيُوتِ أَخْوَٰلِكُمْ
أَوْ بُيُوتِ خَٰلَٰتِكُمْ أَوْ مَا مَلَكْتُم مَّفَاتِحَهُۥٓ
أَوْ صَدِيقِكُمْ ۚ لَيْسَ عَلَيْكُمْ جُنَاحٌ أَن تَأْكُلُوا۟
جَمِيعًا أَوْ أَشْتَاتًا ۚ فَإِذَا دَخَلْتُم بُيُوتًا فَسَلِّمُوا۟ عَلَىٰٓ أَنفُسِكُمْ
تَحِيَّةً مِّنْ عِندِ ٱللَّهِ مُبَٰرَكَةً طَيِّبَةً ۚ كَذَٰلِكَ
يُبَيِّنُ ٱللَّهُ لَكُمُ ٱلْءَايَٰتِ لَعَلَّكُمْ تَعْقِلُونَ ﴿61﴾

59. U meta l-ulied fostkom jilħqu l-età tagħhom, araw li *(huma wkoll)* jitolbu permess *(qabel jidħru quddiemkom)*, bħalma talbu permess dawk ta' qabilhom. Hekk Alla jurikom is-sinjali tiegħu. Alla jaf kollox u Għaref.

60. In-nisa li għaddielhom iż-żmien li jwelldu, u li ma jittamawx *(aktar)* fiż-żwieġ, ma jkollhom ebda ħtija jekk ineħħu ħwejjiġhom *(ta' fuq)* mingħajr ma jperrċu l-ġmiel *(tagħhom)*. U jkun aħjar għalihom li joqogħdu kif jixraq. Alla jisma' kollox u jaf kollox.

61. Ebda ħtija ma jkollu l-agħma, iz-zopp, il-marid jew intom infuskom jekk tieklu fi djarkom, jew fi djar missirijietkom, jew fi djar ommijietkom, jew fi djar ħutkom is-subien, jew fi djar ħutkom il-bniet, jew fi djar l-aħwa subien ta' missierkom, jew fi djar l-aħwa bniet ta' missierkom, jew fi djar l-aħwa subien ta' ommijietkom, jew fi djar l-aħwa bniet ta' ommijietkom, jew fi djar li tagħhom għandkom l-imfietaħ, jew *(f'dar)* seħibkom. Ma għandkom ebda ħtija jekk tieklu flimkien jew waħidkom. U meta tidħlu fi djar, sellmu lil xulxin b'tislima mbierka u tajba mingħand Alla. Hekk Alla jurikom is-sinjali biex forsi tifhmu.

إِنَّمَا ٱلْمُؤْمِنُونَ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ بِٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦ وَإِذَا كَانُوا۟ مَعَهُۥ
عَلَىٰٓ أَمْرٍ جَامِعٍ لَّمْ يَذْهَبُوا۟ حَتَّىٰ يَسْتَـْٔذِنُوهُ ۚ إِنَّ ٱلَّذِينَ يَسْتَـْٔذِنُونَكَ
أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ يُؤْمِنُونَ بِٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦ ۚ فَإِذَا ٱسْتَـْٔذَنُوكَ
لِبَعْضِ شَأْنِهِمْ فَأْذَن لِّمَن شِئْتَ مِنْهُمْ وَٱسْتَغْفِرْ لَهُمُ
ٱللَّهَ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿62﴾ لَّا تَجْعَلُوا۟ دُعَآءَ ٱلرَّسُولِ
بَيْنَكُمْ كَدُعَآءِ بَعْضِكُم بَعْضًا ۚ قَدْ يَعْلَمُ ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ
يَتَسَلَّلُونَ مِنكُمْ لِوَاذًا ۚ فَلْيَحْذَرِ ٱلَّذِينَ يُخَالِفُونَ عَنْ أَمْرِهِۦٓ
أَن تُصِيبَهُمْ فِتْنَةٌ أَوْ يُصِيبَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿63﴾ أَلَآ إِنَّ لِلَّهِ
مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ قَدْ يَعْلَمُ مَآ أَنتُمْ عَلَيْهِ ۖ وَيَوْمَ
يُرْجَعُونَ إِلَيْهِ فَيُنَبِّئُهُم بِمَا عَمِلُوا۟ ۗ وَٱللَّهُ بِكُلِّ شَىْءٍ عَلِيمٌۢ ﴿64﴾

سُورَةُ الْفُرْقَانِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

ثلاثة أرباع الحزب 36

تَبَارَكَ ٱلَّذِى نَزَّلَ ٱلْفُرْقَانَ عَلَىٰ عَبْدِهِۦ لِيَكُونَ لِلْعَٰلَمِينَ نَذِيرًا
﴿1﴾ ٱلَّذِى لَهُۥ مُلْكُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَلَمْ يَتَّخِذْ وَلَدًا وَلَمْ
يَكُن لَّهُۥ شَرِيكٌ فِى ٱلْمُلْكِ وَخَلَقَ كُلَّ شَىْءٍ فَقَدَّرَهُۥ تَقْدِيرًا ﴿2﴾

62. Nies it-twemmin *(tassew)* huma dawk li jemmnu f'Alla u fil-Mibgħut tiegħu, li meta jkunu miegħu *(mal-Profeta)* fuq ħaġa li teħtieġ li jiltaqgħu flimkien dwarha, ma jitilqux qabel ma jitolbuh permess. Tassew li dawk li jitolbuk permess *(qabel ma jitilqu, Muħammad)* dawk huma li jemmnu f'Alla u fil-Mibgħut tiegħu. Mela jekk jitolbuk permess *(biex jitilqu)* fuq xi ħaġa tagħhom, ħalli jmur lil min trid minnhom, u itlob il-maħfra ta' Alla fuqhom. Alla tabilħaqq Kollu Maħfra, Ħanin.

63. La ssejħux *(bil-kunfidenza)* lill-Mibgħut *(b'ismu)* bħalma ssejħu lil xulxin. Alla jaf b'dawk minnkom li jbewġu 'l hemm *(u jaħarbu minn dmirhom)*. Ħalli dawk li jmorru kontra l-amar tiegħu *(tal-Profeta)* joqogħdu b'seba' għajnejn li ma jilħaqhomx it-tiġrib, jew jilħaqhom kastig ta' wġigħ!

64. Tabilħaqq li ta' Alla dak li jinsab fis-smewwiet u fl-art, u jaf x'għandkom fi qlubkom. U fil-Jum li *(il-bnedmin kollha)* jitreġġgħu lura għandu, Huwa jħabbrilhom dak li għamlu. Alla jaf b'kollox!

25. *Sūratu l-Furqān*

(Suret il-Qjies – Niżlet f'Mekka –
ħlief għall-versi 68, 69, 70 li niżlu f'Medina.
Niżlet b'77 vers.)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Imbierek Dak li niżżel il-Qjies lill-qaddej tiegħu *(Muħammad)* biex iwissi l-ħlejjaq kollha,

2. Dak li għandu s-saltna tas-smewwiet u ta' l-art, li ma ħax għalih wild, li ma kellux xrik fis-saltna, u li ħalaq kollox bil-qjies.

وَٱتَّخَذُوا۟ مِن دُونِهِۦٓ ءَالِهَةً لَّا يَخْلُقُونَ شَيْـًٔا وَهُمْ يُخْلَقُونَ
وَلَا يَمْلِكُونَ لِأَنفُسِهِمْ ضَرًّا وَلَا نَفْعًا وَلَا يَمْلِكُونَ مَوْتًا
وَلَا حَيَوٰةً وَلَا نُشُورًا ﴿3﴾ وَقَالَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟ إِنْ هَٰذَآ إِلَّآ إِفْكٌ
ٱفْتَرَىٰهُ وَأَعَانَهُۥ عَلَيْهِ قَوْمٌ ءَاخَرُونَ ۖ فَقَدْ جَآءُو ظُلْمًا وَزُورًا
﴿4﴾ وَقَالُوٓا۟ أَسَٰطِيرُ ٱلْأَوَّلِينَ ٱكْتَتَبَهَا فَهِىَ تُمْلَىٰ
عَلَيْهِ بُكْرَةً وَأَصِيلًا ﴿5﴾ قُلْ أَنزَلَهُ ٱلَّذِى يَعْلَمُ ٱلسِّرَّ
فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۚ إِنَّهُۥ كَانَ غَفُورًا رَّحِيمًا ﴿6﴾ وَقَالُوا۟
مَالِ هَٰذَا ٱلرَّسُولِ يَأْكُلُ ٱلطَّعَامَ وَيَمْشِى فِى ٱلْأَسْوَاقِ ۙ
لَوْلَآ أُنزِلَ إِلَيْهِ مَلَكٌ فَيَكُونَ مَعَهُۥ نَذِيرًا ﴿7﴾ أَوْ يُلْقَىٰٓ
إِلَيْهِ كَنزٌ أَوْ تَكُونُ لَهُۥ جَنَّةٌ يَأْكُلُ مِنْهَا ۚ وَقَالَ
ٱلظَّٰلِمُونَ إِن تَتَّبِعُونَ إِلَّا رَجُلًا مَّسْحُورًا ﴿8﴾ ٱنظُرْ
كَيْفَ ضَرَبُوا۟ لَكَ ٱلْأَمْثَالَ فَضَلُّوا۟ فَلَا يَسْتَطِيعُونَ
سَبِيلًا ﴿9﴾ تَبَارَكَ ٱلَّذِىٓ إِن شَآءَ جَعَلَ لَكَ خَيْرًا مِّن ذَٰلِكَ
جَنَّٰتٍ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ وَيَجْعَل لَّكَ قُصُورًا ﴿10﴾ بَلْ
كَذَّبُوا۟ بِٱلسَّاعَةِ ۖ وَأَعْتَدْنَا لِمَن كَذَّبَ بِٱلسَّاعَةِ سَعِيرًا ﴿11﴾

3. *(Madanakollu l-pagani)* ħadu għalihom allat *(oħra)* minfloku, li ma joħolqu xejn, iżda huma maħluqa *(bit-tpinġija jew bit-tinqix)*, li la huma ta' deni u lanqas ta' ġid għalihom infushom, u li la għandhom setgħa fuq il-mewt, la fuq il-ħajja, u lanqas fuq il-qawmien mill-imwiet.
4. Dawk li ma jemmnux jgħidu: "Din *(tal-Qoran)* ma hijiex ħlief gidba li *(Muħammad)* qala' minn żniedu, u għenuh fiha nies oħrajn *(minn fost il-Lhud u l-Insara)*!" Huma, tabilħaqq, ġew b'inġustizzja u b'qerq!
5. Qalu *(ukoll il-pagani)*: "*(Dawn ma humiex ħlief)* stejjer ta' nies il-qedem li *(Muħammad)* qabbad li jinkitbu*(lu)*, u li jinqrawlu filgħodu u filgħaxija *(biex jitgħallimhom)*."
6. Għid*(ilhom Muħammad)*: "*(Il-Qoran)* niżżlu Dak li jaf il-mistur fis-smewwiet u fl-art. Huwa Kollu Maħfra, Ħanin."
7. Huma jgħidu: "X'Mibgħut huwa dan, li jiekol l-ikel *(bħal kull bniedem ieħor)*, u jimxi fis-swieq? Mhux li tniżżillu xi anġlu u jwissi miegħu *(lill-bnedmin – kieku konna nemmnuh)*!
8. Jew *(kien)* jingħata teżor *(mis-sema u ma kien ikun jeħtieġ xejn)*, jew *(kien)* ikollu ġnien biex jiekol minnu?" Il-ħżiena qalu: "Intom ma timxux għajr wara raġel imsaħħar!"
9. Ara t-tixbihat li jagħmlu fuqek *(Muħammad, u l-qlajja' kollha li qalgħu kontrik)*, iżda huma ntilfu u ma jistgħux isibu triq.
10. Imbierek Dak li, jekk irid, jagħmillek *(ħwejjeġ)* aħjar minn hekk: Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u jagħmillek *(ukoll)* palazzi!
11. Le, imma giddbu s-Siegħa *(tal-Ġudizzju)*, u għal min igiddeb is-Siegħa ħejjejna Nar iħeġġeġ.

إِذَا رَأَتْهُم مِّن مَّكَانٍۭ بَعِيدٍ سَمِعُوا۟ لَهَا تَغَيُّظًا وَزَفِيرًا ﴿12﴾ وَإِذَآ
أُلْقُوا۟ مِنْهَا مَكَانًا ضَيِّقًا مُّقَرَّنِينَ دَعَوْا۟ هُنَالِكَ ثُبُورًا ﴿13﴾
لَّا تَدْعُوا۟ ٱلْيَوْمَ ثُبُورًا وَٰحِدًا وَٱدْعُوا۟ ثُبُورًا كَثِيرًا ﴿14﴾ قُلْ
أَذَٰلِكَ خَيْرٌ أَمْ جَنَّةُ ٱلْخُلْدِ ٱلَّتِى وُعِدَ ٱلْمُتَّقُونَ ۚ كَانَتْ
لَهُمْ جَزَآءً وَمَصِيرًا ﴿15﴾ لَّهُمْ فِيهَا مَا يَشَآءُونَ خَٰلِدِينَ ۚ
كَانَ عَلَىٰ رَبِّكَ وَعْدًا مَّسْـُٔولًا ﴿16﴾ وَيَوْمَ يَحْشُرُهُمْ وَمَا
يَعْبُدُونَ مِن دُونِ ٱللَّهِ فَيَقُولُ ءَأَنتُمْ أَضْلَلْتُمْ عِبَادِى
هَٰٓؤُلَآءِ أَمْ هُمْ ضَلُّوا۟ ٱلسَّبِيلَ ﴿17﴾ قَالُوا۟ سُبْحَٰنَكَ مَا كَانَ
يَنۢبَغِى لَنَآ أَن نَّتَّخِذَ مِن دُونِكَ مِنْ أَوْلِيَآءَ وَلَٰكِن مَّتَّعْتَهُمْ
وَءَابَآءَهُمْ حَتَّىٰ نَسُوا۟ ٱلذِّكْرَ وَكَانُوا۟ قَوْمًۢا بُورًا ﴿18﴾ فَقَدْ
كَذَّبُوكُم بِمَا تَقُولُونَ فَمَا تَسْتَطِيعُونَ صَرْفًا وَلَا
نَصْرًا ۚ وَمَن يَظْلِم مِّنكُمْ نُذِقْهُ عَذَابًا كَبِيرًا ﴿19﴾
وَمَآ أَرْسَلْنَا قَبْلَكَ مِنَ ٱلْمُرْسَلِينَ إِلَّآ إِنَّهُمْ لَيَأْكُلُونَ
ٱلطَّعَامَ وَيَمْشُونَ فِى ٱلْأَسْوَاقِ ۗ وَجَعَلْنَا بَعْضَكُمْ
لِبَعْضٍ فِتْنَةً أَتَصْبِرُونَ ۗ وَكَانَ رَبُّكَ بَصِيرًا ﴿20﴾

12. U meta *(dan in-Nar)* jarahom minn post imbiegħed, *(il-ħżiena)* jisimgħuh iħeġġeġ u jfaqqa' bil-qawwa *(għaliex imxennaq għalihom u jrid jiblagħhom)*.
13. U meta jinxteħtu fih *(dak in-Nar tal-biża' u jsibu rwieħhom)* f'post dejjaq, marbutin flimkien *(b'idejhom madwar għonqhom)* fil-ktajjen, hemm jitolbu l-qerda *(biex jeħilsu mill-kastig)*.
14. *(Jingħad lilhom:)* "Illum issejħux qerda waħda, iżda sejħu ħafna qerdiet!"
15. Għid*(ilhom Muħammad)*: "*(X'taħsbu?)* Dak *(li qegħdin fih)* huwa aħjar, jew il-Ġenna ta' dejjem imwiegħda lil dawk li jibżgħu minn Alla? Għalihom, din *(il-Ġenna)* hija ħlas *(mistħoqq)* u tmiem *(mill-isbaħ)*.
16. Fiha għandhom dak li jixtiequ, u *(hemm)* jibqgħu għal dejjem. *(Din hija)* wegħda ta' Sidek li Huwa *(żgur li)* iżomm."
17. Fil-Jum li jiġbor lilhom u lil dawk *(l-allat)* li huma jqimu minflok lil Alla, jgħid*(ilhom)*: "Jaqaw intom kontu li telliftu t-triq lil dawn il-qaddejja tiegħi, jew huma tilfu t-triq *(għaliex hekk riedu)*?"
18. *(Dawk l-idoli u l-allat meqjuma minflok Alla għad)* jgħidu: "Sebħ lilek! Aħna ma kienx jixirqilna li nagħżlu alleati minflokok, iżda Inti tajt lilhom u lil missirijiethom li jgawdu, sakemm insew it-twissija, u kienu nies meqrudin."
19. *(Imbagħad Alla jgħid lill-ħżiena)*: "Issa *(dawn l-idoli u l-allat stess li kontu tqimu)* qegħdin igiddbukom dwar dak li kontu tgħidu *(fuqhom: li huma allat)*! Ma tistgħux teħilsu *(mill-kastig)* u lanqas *(issibu)* għajnuna. U min minnkom jagħmel il-ħażen, indewquh kastig kbir!"
20. U qablek *(Muħammad)* ma bgħatniex il-Mibgħutin *(tagħna)* jekk mhux jieklu l-ikel, u jimxu fis-swieq *(għaliex kienu bnedmin bħalek)*. Aħna għamilna wħud minnkom tiġrib għal xulxin *(biex naraw)* jekk tistabrux *(u żżommux sod)*. Sidek *(il-Mulej)* jara kollox.

الجزء 19
الحزب 37

۞ وَقَالَ ٱلَّذِينَ لَا يَرْجُونَ لِقَآءَنَا لَوْلَآ أُنزِلَ عَلَيْنَا ٱلْمَلَٰٓئِكَةُ
أَوْ نَرَىٰ رَبَّنَا ۗ لَقَدِ ٱسْتَكْبَرُوا۟ فِىٓ أَنفُسِهِمْ وَعَتَوْ عُتُوًّا كَبِيرًا
(21) يَوْمَ يَرَوْنَ ٱلْمَلَٰٓئِكَةَ لَا بُشْرَىٰ يَوْمَئِذٍ لِّلْمُجْرِمِينَ وَيَقُولُونَ
حِجْرًا مَّحْجُورًا (22) وَقَدِمْنَآ إِلَىٰ مَا عَمِلُوا۟ مِنْ عَمَلٍ فَجَعَلْنَٰهُ
هَبَآءً مَّنثُورًا (23) أَصْحَٰبُ ٱلْجَنَّةِ يَوْمَئِذٍ خَيْرٌ مُّسْتَقَرًّا
وَأَحْسَنُ مَقِيلًا (24) وَيَوْمَ تَشَقَّقُ ٱلسَّمَآءُ بِٱلْغَمَٰمِ وَنُزِّلَ ٱلْمَلَٰٓئِكَةُ
تَنزِيلًا (25) ٱلْمُلْكُ يَوْمَئِذٍ ٱلْحَقُّ لِلرَّحْمَٰنِ ۚ وَكَانَ يَوْمًا عَلَى
ٱلْكَٰفِرِينَ عَسِيرًا (26) وَيَوْمَ يَعَضُّ ٱلظَّالِمُ عَلَىٰ يَدَيْهِ يَقُولُ
يَٰلَيْتَنِى ٱتَّخَذْتُ مَعَ ٱلرَّسُولِ سَبِيلًا (27) يَٰوَيْلَتَىٰ لَيْتَنِى لَمْ أَتَّخِذْ
فُلَانًا خَلِيلًا (28) لَّقَدْ أَضَلَّنِى عَنِ ٱلذِّكْرِ بَعْدَ إِذْ جَآءَنِى ۗ
وَكَانَ ٱلشَّيْطَٰنُ لِلْإِنسَٰنِ خَذُولًا (29) وَقَالَ ٱلرَّسُولُ
يَٰرَبِّ إِنَّ قَوْمِى ٱتَّخَذُوا۟ هَٰذَا ٱلْقُرْءَانَ مَهْجُورًا (30) وَكَذَٰلِكَ
جَعَلْنَا لِكُلِّ نَبِىٍّ عَدُوًّا مِّنَ ٱلْمُجْرِمِينَ ۗ وَكَفَىٰ بِرَبِّكَ هَادِيًا
وَنَصِيرًا (31) وَقَالَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لَوْلَا نُزِّلَ عَلَيْهِ ٱلْقُرْءَانُ جُمْلَةً
وَٰحِدَةً ۚ كَذَٰلِكَ لِنُثَبِّتَ بِهِۦ فُؤَادَكَ ۖ وَرَتَّلْنَٰهُ تَرْتِيلًا (32)

21. Dawk *(li ma jemmnux u)* li ma jittamawx li jiltaqgħu magħna *(f'Jum il-Ġudizzju)* jgħidu: "Għaliex ma tniżżlux l-anġli fuqna, jew ma narawx lil Sidna *(il-Mulej, u jgħidilna li inti, Muħammad, il-Mibgħut tiegħu)*?" Huma tassew tkabbru bihom infushom, u għamlu wisq ħażen.
22. Fil-Jum li jaraw lill-anġli, dakinhar ma jkunx hemm bxara tajba għall-ħatjin, u *(l-anġli)* jgħidu*(lhom)*: "*(Ma tistgħux tidħlu l-Ġenna għaliex hawn)* sur projbit *(li jżommkom milli tidħlu)*!"
23. U niġu għal dak li għamlu *(u nxejnuh)*, u nagħmlu minnhom għabra mxerrda *(ma' kullimkien)*.
24. Dakinhar nies il-Ġenna jkunu f'għamara aħjar, u fi mkien aħjar fejn jistrieħu.
25. Fil-Jum meta s-sema jixxaqqaq bis-sħab *(tiegħu)*, u l-anġli jitniżżlu bil-kbir,
26. dakinhar is-saltna tabilħaqq tkun ta' Dak Kollu Ħniena. Ikun Jum iebes għal dawk li ċaħdu t-twemmin.
27. Fil-Jum meta l-midneb igiddem idejh *(bil-għali)* u jgħid: "Mhux li qbadt *(l-istess)* triq mal-Mibgħut *(ta' Alla)*!
28. Miskin jien! Kien ikun aħjar li ma sseħibtx mat-tali!
29. Huwa tassew tellifni t-tifkira *(ta' Alla)* wara li kienet waslitli!" Ix-Xitan jiddiżappunta lill-bniedem!
30. Il-Mibgħut *(ta' Alla, imbagħad)* qal: "Sidi *(il-Mulej)*, tabilħaqq li niesi ttraskuraw dan il-*Qoran*."
31. B'hekk għamilna lil kull Profeta għadu minn fost il-ħatjin. Sidek *(il-Mulej)* huwa biżżejjed *(għalik Muħammad)* biex juri t-triq u jgħin.
32. Dawk li jiċħdu t-twemmin jgħidu: "Għaliex il-*Qoran* ma tniżżillux kollu f'daqqa?" *(Niżżilnihulek)* hekk *(Muħammad, ftit ftit)* biex bih insaħħulek qalbek, u qrajnieh *(lilek)* bil-mod *(biex tifhmu u titgħallmu)*.

وَلَا يَأْتُونَكَ بِمَثَلٍ إِلَّا جِئْنَاكَ بِالْحَقِّ وَأَحْسَنَ تَفْسِيرًا ﴿33﴾
الَّذِينَ يُحْشَرُونَ عَلَىٰ وُجُوهِهِمْ إِلَىٰ جَهَنَّمَ أُولَٰئِكَ شَرٌّ
مَّكَانًا وَأَضَلُّ سَبِيلًا ﴿34﴾ وَلَقَدْ آتَيْنَا مُوسَى الْكِتَابَ
وَجَعَلْنَا مَعَهُ أَخَاهُ هَارُونَ وَزِيرًا ﴿35﴾ فَقُلْنَا اذْهَبَا إِلَى
الْقَوْمِ الَّذِينَ كَذَّبُوا بِآيَاتِنَا فَدَمَّرْنَاهُمْ تَدْمِيرًا ﴿36﴾ وَقَوْمَ
نُوحٍ لَّمَّا كَذَّبُوا الرُّسُلَ أَغْرَقْنَاهُمْ وَجَعَلْنَاهُمْ لِلنَّاسِ
آيَةً ۖ وَأَعْتَدْنَا لِلظَّالِمِينَ عَذَابًا أَلِيمًا ﴿37﴾ وَعَادًا وَثَمُودَا
وَأَصْحَابَ الرَّسِّ وَقُرُونًا بَيْنَ ذَٰلِكَ كَثِيرًا ﴿38﴾ وَكُلًّا ضَرَبْنَا
لَهُ الْأَمْثَالَ ۖ وَكُلًّا تَبَّرْنَا تَتْبِيرًا ﴿39﴾ وَلَقَدْ أَتَوْا عَلَى الْقَرْيَةِ
الَّتِي أُمْطِرَتْ مَطَرَ السَّوْءِ ۚ أَفَلَمْ يَكُونُوا يَرَوْنَهَا ۚ بَلْ
كَانُوا لَا يَرْجُونَ نُشُورًا ﴿40﴾ وَإِذَا رَأَوْكَ إِن يَتَّخِذُونَكَ
إِلَّا هُزُوًا أَهَٰذَا الَّذِي بَعَثَ اللَّهُ رَسُولًا ﴿41﴾ إِن كَادَ
لَيُضِلُّنَا عَنْ آلِهَتِنَا لَوْلَا أَن صَبَرْنَا عَلَيْهَا ۚ وَسَوْفَ
يَعْلَمُونَ حِينَ يَرَوْنَ الْعَذَابَ مَنْ أَضَلُّ سَبِيلًا ﴿42﴾ أَرَأَيْتَ
مَنِ اتَّخَذَ إِلَٰهَهُ هَوَاهُ أَفَأَنتَ تَكُونُ عَلَيْهِ وَكِيلًا ﴿43﴾

33. U ma jiġukx b'xi tixbiha *(biex iġarrbuk)* li ma niġukx bis-sewwa u bl-aħjar tifsira *(dwar dak li jistaqsuk)*.
34. Dawk li jinġabru wiċċhom 'l isfel *(u mixħutin fl-art)* fl-Infern, dawk ikunu fl-agħar post u fl-akbar telfien tat-triq *(li twassal għall-Ġenna)*.
35. Aħna tassew tajna lil Mosè l-Ktieb *(it-Torā)*, u qabbadna miegħu lil ħuh Aron biex jgħinu *(fil-qadi tal-missjoni profetika tiegħu)*.
36. U għedna *(lil Mosè u lil Aron)*: "Morru għand in-nies li giddbu s-sinjali tagħna!" U qridniehom għal kollox.
37. U lil nies Noè, meta giddbu lill-Mibgħutin, għerriqniehom u għamilniehom sinjal għall-bnedmin *(biex jitgħallmu minnhom)*, u għall-ħżiena ħejjejna kastig ta' wġigħ.
38. U *(ftakar x'għamilna lill-ġnus ta')* Għād u Tamūd, u nies *(pagani li għexu madwar il-bir imsejjaħ)* ir-Rass, u kemm-il nisel ieħor li għexu bejniethom.
39. Lilhom kollha *(fl-imgħoddi)* tajniehom it-tixbihat *(biex jitgħallmu minnhom)*, u lilhom kollha qridna għal kollox *(minħabba fil-ħażen tagħhom)*.
40. Dawk *(li ċaħdu t-twemmin)* tassew għaddew mill-belt *(ta' Sodoma)* li fuqha niżlet xita ta' ħażen! Jaqaw ma kinux jarawha? Iżda huma ma kinux jittamaw fil-qawmien mill-imwiet.
41. Meta jarawk, ma jeħdukx ħlief biż-żebliħ *(u jgħidu)*: "Jaqaw dan huwa dak li Alla bagħat bħala Mibgħut *(tiegħu)*?
42. Kien għoddu tellifna l-allat tagħna li kieku ma żammejniex sħiħ fihom bis-sabar!" *(Dalwaqt)* se jkunu jafu, meta jaraw il-kastig, min l-aktar li tilef it-triq.
43. Rajtu lil dak li għamel xewqatu *(u ġibdietu)* l-alla tiegħu? Jaqaw int *(Muħammad)* tista' qatt tħarsu *(mit-telfien)*?

أَمْ تَحْسَبُ أَنَّ أَكْثَرَهُمْ يَسْمَعُونَ أَوْ يَعْقِلُونَ ۚ إِنْ هُمْ إِلَّا
كَالْأَنْعَٰمِ ۖ بَلْ هُمْ أَضَلُّ سَبِيلًا ﴿44﴾ أَلَمْ تَرَ إِلَىٰ رَبِّكَ كَيْفَ مَدَّ
الظِّلَّ وَلَوْ شَآءَ لَجَعَلَهُۥ سَاكِنًا ثُمَّ جَعَلْنَا الشَّمْسَ عَلَيْهِ دَلِيلًا
﴿45﴾ ثُمَّ قَبَضْنَٰهُ إِلَيْنَا قَبْضًا يَسِيرًا ﴿46﴾ وَهُوَ الَّذِى جَعَلَ
لَكُمُ الَّيْلَ لِبَاسًا وَالنَّوْمَ سُبَاتًا وَجَعَلَ النَّهَارَ نُشُورًا ﴿47﴾
وَهُوَ الَّذِىٓ أَرْسَلَ الرِّيَٰحَ بُشْرًۢا بَيْنَ يَدَىْ رَحْمَتِهِۦ ۚ وَأَنزَلْنَا
مِنَ السَّمَآءِ مَآءً طَهُورًا ﴿48﴾ لِّنُحْيِۦَ بِهِۦ بَلْدَةً مَّيْتًا وَنُسْقِيَهُۥ
مِمَّا خَلَقْنَآ أَنْعَٰمًا وَأَنَاسِىَّ كَثِيرًا ﴿49﴾ وَلَقَدْ صَرَّفْنَٰهُ بَيْنَهُمْ
لِيَذَّكَّرُوا۟ فَأَبَىٰٓ أَكْثَرُ النَّاسِ إِلَّا كُفُورًا ﴿50﴾ وَلَوْ شِئْنَا
لَبَعَثْنَا فِى كُلِّ قَرْيَةٍ نَّذِيرًا ﴿51﴾ فَلَا تُطِعِ الْكَٰفِرِينَ
وَجَٰهِدْهُم بِهِۦ جِهَادًا كَبِيرًا ﴿52﴾ ۞ وَهُوَ الَّذِى مَرَجَ
الْبَحْرَيْنِ هَٰذَا عَذْبٌ فُرَاتٌ وَهَٰذَا مِلْحٌ أُجَاجٌ وَجَعَلَ بَيْنَهُمَا بَرْزَخًا
وَحِجْرًا مَّحْجُورًا ﴿53﴾ وَهُوَ الَّذِى خَلَقَ مِنَ الْمَآءِ بَشَرًا فَجَعَلَهُۥ
نَسَبًا وَصِهْرًا ۗ وَكَانَ رَبُّكَ قَدِيرًا ﴿54﴾ وَيَعْبُدُونَ مِن دُونِ اللَّهِ
مَا لَا يَنفَعُهُمْ وَلَا يَضُرُّهُمْ ۗ وَكَانَ الْكَافِرُ عَلَىٰ رَبِّهِۦ ظَهِيرًا ﴿55﴾

ربع الحزب 37

44. Jew qiegħed taħseb li ħafna minnhom jisimgħu jew jifhmu? Huma ma humiex ħlief bħall-bhejjem *(bla għaqal)*. Le! Huma l-agħar fit-telfien tat-triq *(it-tajba)*!

45. Mela ma rajtx kif Sidek imidd id-dell *(matul il-jum)*, u kieku jrid kien jagħmlu ma jitħarrikx? Imbagħad għamilna x-xemx biex turih.

46. Imbagħad qbadnieh *(u ġbidnieh)* lejna, bil-mod.

47. Huwa *(Alla)* li għamlilkom il-lejl *(biex jostorkom)* bħal ilbies, u l-irqad għall-mistrieħ, kif ukoll in-nhar biex *(terġgħu)* tqumu għall-ħajja.

48. U Huwa li jibgħat l-irjieħ bħala bxara tajba *(dwar il-wasla tax-xita)*, quddiem il-ħniena tiegħu, u mis-sema nniżżlu ilma safi għall-aħħar

49. biex bih nagħtu l-ħajja lil art mejta *(bin-nixfa)*, u nisquh lil ħafna nies u bhejjem minn dawk li ħlaqna.

50. U tabilħaqq fissirnieh *(il-Qoran)* fosthom biex jiftakru, iżda ħafna min-nies ma jridux ħlief li jiċħdu *(it-twemmin)*.

51. Li kieku ridna, konna nibagħtu min iwissi f'kull belt *(u b'hekk xogħlok, Muħammad, kien ikun eħfef)*.

52. Mela la tismax minn dawk li ċaħdu t-twemmin, u ħabat bih *(il-Qoran)* kemm tiflaħ kontrihom.

53. Huwa *(Alla)* li ħalla ż-żewġt ibħra *(iferrgħu f'xulxin)*, wieħed ħelu u tajjeb għax-xorb, u l-ieħor mielaħ u ma jinxtorobx, u bejniethom qiegħed ilqugħ li jifridhom, firda li ma tistax tinqabeż.

54. Huwa li ħalaq bniedem mill-ilma, u ħareġ minnu nies qraba *(ta' xulxin, bid-demm)* u biż-żwieġ. Sidek huwa *(fuq kollox)* Setgħan.

55. *(Minkejja dan kollu)* minflok lil Alla, huma jqimu dak li la jista' jkunilhom ta' fejda, u lanqas jagħmlilhom ħsara. Dak li jiċħad it-twemmin *(dejjem)* jgħin *(lix-Xitan)* kontra Sidu *(il-Mulej)*.

وَمَآ أَرۡسَلۡنَٰكَ إِلَّا مُبَشِّرٗا وَنَذِيرٗا ﴿56﴾ قُلۡ مَآ أَسۡـَٔلُكُمۡ عَلَيۡهِ
مِنۡ أَجۡرٍ إِلَّا مَن شَآءَ أَن يَتَّخِذَ إِلَىٰ رَبِّهِۦ سَبِيلٗا ﴿57﴾ وَتَوَكَّلۡ
عَلَى ٱلۡحَيِّ ٱلَّذِي لَا يَمُوتُ وَسَبِّحۡ بِحَمۡدِهِۦۚ وَكَفَىٰ بِهِۦ بِذُنُوبِ
عِبَادِهِۦ خَبِيرًا ﴿58﴾ ٱلَّذِي خَلَقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلۡأَرۡضَ وَمَا بَيۡنَهُمَا
فِي سِتَّةِ أَيَّامٖ ثُمَّ ٱسۡتَوَىٰ عَلَى ٱلۡعَرۡشِۚ ٱلرَّحۡمَٰنُ فَسۡـَٔلۡ بِهِۦ
خَبِيرٗا ﴿59﴾ وَإِذَا قِيلَ لَهُمُ ٱسۡجُدُواْ لِلرَّحۡمَٰنِ قَالُواْ وَمَا ٱلرَّحۡمَٰنُ
أَنَسۡجُدُ لِمَا تَأۡمُرُنَا وَزَادَهُمۡ نُفُورَۢا ﴿60﴾ تَبَارَكَ ٱلَّذِي جَعَلَ
فِي ٱلسَّمَآءِ بُرُوجٗا وَجَعَلَ فِيهَا سِرَٰجٗا وَقَمَرٗا مُّنِيرٗا ﴿61﴾ وَهُوَ
ٱلَّذِي جَعَلَ ٱلَّيۡلَ وَٱلنَّهَارَ خِلۡفَةٗ لِّمَنۡ أَرَادَ أَن يَذَّكَّرَ أَوۡ أَرَادَ
شُكُورٗا ﴿62﴾ وَعِبَادُ ٱلرَّحۡمَٰنِ ٱلَّذِينَ يَمۡشُونَ عَلَى ٱلۡأَرۡضِ
هَوۡنٗا وَإِذَا خَاطَبَهُمُ ٱلۡجَٰهِلُونَ قَالُواْ سَلَٰمٗا ﴿63﴾ وَٱلَّذِينَ
يَبِيتُونَ لِرَبِّهِمۡ سُجَّدٗا وَقِيَٰمٗا ﴿64﴾ وَٱلَّذِينَ يَقُولُونَ
رَبَّنَا ٱصۡرِفۡ عَنَّا عَذَابَ جَهَنَّمَۖ إِنَّ عَذَابَهَا كَانَ غَرَامًا
﴿65﴾ إِنَّهَا سَآءَتۡ مُسۡتَقَرّٗا وَمُقَامٗا ﴿66﴾ وَٱلَّذِينَ إِذَآ أَنفَقُواْ
لَمۡ يُسۡرِفُواْ وَلَمۡ يَقۡتُرُواْ وَكَانَ بَيۡنَ ذَٰلِكَ قَوَامٗا ﴿67﴾

سجدة

56. U ma bgħatniekx *(Muħammad)* ħlief biex tagħti l-bxara *(lit-tajbin)* u twissi *(lill-midinbin)*.

57. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ta' dan ma nitlobkom ebda ħlas ħlief li, min irid, jaqbad it-triq lejn Sidu. *(Ta' dan Alla jagħtini l-premju, f'Jum il-Qawmien, talli wrejt it-triq it-tajba lill-bnedmin.)*"

58. U ħalli *(Muħammad)* f'idejn *(Alla)* il-Ħaj, li ma jmutx, u faħħar is-sebħ tiegħu. Huwa biżżejjed biex ikun jaf sew bi dnubiet il-qaddejja tiegħu.

59. Huwa li ħalaq is-smewwiet u l-art, u dak li hemm bejniethom, f'sitt ijiem, imbagħad intasab fuq it-Tron. *(iva)* Dak li huwa Kollu Ħniena. Mela staqsi dwaru lil min jaf sew *(dwar dawn il-veritajiet)*.

60. U meta jintqalilhom: "Inxteħtu qimu lil Dak li huwa Kollu Ħniena," huma jgħidu: "U x'inhu *(dan Alla)* li huwa Kollu Ħniena? Jaqaw għandna ninxteħtu nqimu lil dak li qiegħed tamrilna *(mingħajr ma nafuh)*?" *(Kliem bħal dan)* ikompli jbegħedhom *(mir-reliġjon ta' Alla)*.

61. Imbierek Dak li fis-sema għamel il-kostellazzjonijiet, u qiegħed fihom musbieħ *(ix-xemx)* u qamar li jdawwal.

62. U kien Huwa li għamel il-lejl u n-nhar jidħlu wara xulxin għal min irid jiftakar *(fil-kobor ta' Alla)*, jew irid jiżżi ħajr *(lil Alla)*.

63. U l-qaddejja ta' Dak li Huwa Kollu Ħniena huma dawk li jimxu bl-umiltà fuq l-art *(mingħajr ma jitkabbru)*, u meta jkellmuhom dawk li ma jafux, huma jweġbuhom: "Sliem!",

64. dawk li jishru *(fit-talb)* lil Sidhom *(il-Mulej)*, mixħutin fl-art u bil-wieqfa,

65. dawk li jgħidu: "Sidna, biegħed minna l-kastig ta' l-Infern. Tabilħaqq li l-kastig tiegħu huwa wġigħ bla waqfien!

66. Tassew li *(l-Infern)* huwa għamara u dar mill-agħar!"

67. Dawk li meta jonfqu, la jberbqu u lanqas jixxaħħu, iżda jżommu fin-nofs, bejn it-tnejn,

وَٱلَّذِينَ لَا يَدْعُونَ مَعَ ٱللَّهِ إِلَٰهًا ءَاخَرَ وَلَا يَقْتُلُونَ ٱلنَّفْسَ
ٱلَّتِى حَرَّمَ ٱللَّهُ إِلَّا بِٱلْحَقِّ وَلَا يَزْنُونَ ۚ وَمَن يَفْعَلْ ذَٰلِكَ يَلْقَ
أَثَامًا ﴿68﴾ يُضَٰعَفْ لَهُ ٱلْعَذَابُ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ وَيَخْلُدْ فِيهِۦ
مُهَانًا ﴿69﴾ إِلَّا مَن تَابَ وَءَامَنَ وَعَمِلَ عَمَلًا صَٰلِحًا
فَأُو۟لَٰٓئِكَ يُبَدِّلُ ٱللَّهُ سَيِّـَٔاتِهِمْ حَسَنَٰتٍ ۗ وَكَانَ ٱللَّهُ غَفُورًا
رَّحِيمًا ﴿70﴾ وَمَن تَابَ وَعَمِلَ صَٰلِحًا فَإِنَّهُۥ يَتُوبُ إِلَى ٱللَّهِ
مَتَابًا ﴿71﴾ وَٱلَّذِينَ لَا يَشْهَدُونَ ٱلزُّورَ وَإِذَا مَرُّو۟ا بِٱللَّغْوِ
مَرُّو۟ا كِرَامًا ﴿72﴾ وَٱلَّذِينَ إِذَا ذُكِّرُو۟ا بِـَٔايَٰتِ رَبِّهِمْ
لَمْ يَخِرُّو۟ا عَلَيْهَا صُمًّا وَعُمْيَانًا ﴿73﴾ وَٱلَّذِينَ يَقُولُونَ رَبَّنَا
هَبْ لَنَا مِنْ أَزْوَٰجِنَا وَذُرِّيَّٰتِنَا قُرَّةَ أَعْيُنٍ وَٱجْعَلْنَا
لِلْمُتَّقِينَ إِمَامًا ﴿74﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ يُجْزَوْنَ ٱلْغُرْفَةَ بِمَا
صَبَرُو۟ا وَيُلَقَّوْنَ فِيهَا تَحِيَّةً وَسَلَٰمًا ﴿75﴾ خَٰلِدِينَ
فِيهَا ۚ حَسُنَتْ مُسْتَقَرًّا وَمُقَامًا ﴿76﴾ قُلْ مَا يَعْبَؤُا۟ بِكُمْ رَبِّى
لَوْلَا دُعَآؤُكُمْ ۖ فَقَدْ كَذَّبْتُمْ فَسَوْفَ يَكُونُ لِزَامًا ﴿77﴾

سُورَةُ الشُّعَرَاءِ

بسم الله الرحمن الرحيم

68. dawk li ma' Alla ma jsejħux alla ieħor, li ma joqtlux ir-ruħ li Alla pprojbixxa *(li tinqatel)*, jekk mhux bil-ħaqq *(skond il-liġi tiegħu)*, u li ma jiżnux. U min jagħmel dak *(il-ħażen)*, jieħu l-kastig,
69. u jiżdiedlu għal darba oħra l-kastig f'Jum il-Qawmien, u jibqa' mkasbar fih għal dejjem,
70. ħlief min jindem, jemmen, u jagħmel għemil ta' ġid. Lil dawk Alla jbiddlilhom il-ħażen tagħhom f'għemejjel tajba. Alla huwa Kollu Maħfra u Ħanin.
71. U min jindem u jagħmel il-ġid ikun dar tassew lejn Alla bl-indiema;
72. dawk li ma jixhdux falz, u li meta jgħaddu qrib il-frugħa, jibqgħu għaddejjin bil-ġieħ,
73. dawk li meta jitfakkru fis-sinjali ta' Sidhom *(fil-Qoran)* ma jagħmluhiex ta' torox u għomja,
74. dawk li jgħidu: "Sidna *(il-Mulej)*, agħtina fin-nisa tagħna u f'nisilna hena għall-għajnejn *(għaliex dawn jimxu fir-reliġjon tiegħek)*, u agħmilna ta' eżempju tajjeb għal dawk li jibżgħu *(minnek)*",
75. dawk jingħataw il-ħlas ta' l-ogħla għamara *(fis-sema)* talli stabru *(u żammu iebes)*, u jintlaqgħu fiha b'tislim *(ta' l-anġli)* u *(hemm isibu)* sliem;
76. fiha *(il-Ġenna)* jibqgħu għal dejjem. Xi ġmiel ta' għamara u dar!
77. Għid *(Muħammad lil dawk li jiċħdu t-twemmin)*: "Sidi ma jagħtix kaskom, li kieku mhux għas-sejħa tagħkom *(lilu)*. Iżda intom giddibtu *(is-sewwa li ġie mingħandu)* u għalhekk *(il-kastig tagħkom)* se jkun imqabbad *(magħkom u ma taħarbuhx)*!"

بسم الله الرحمن الرحيم

نصف الحزب 37

طسم ﴿1﴾ تلك ءايت الكتب المبين ﴿2﴾ لعلك باخع نفسك
ألا يكونوا مؤمنين ﴿3﴾ إن نشأ ننزل عليهم من السماء ءاية فظلت
أعناقهم لها خضعين ﴿4﴾ وما يأتيهم من ذكر من الرحمن محدث
إلا كانوا عنه معرضين ﴿5﴾ فقد كذبوا فسيأتيهم أنبؤا ما كانوا
به يستهزءون ﴿6﴾ أولم يروا إلى الأرض كم أنبتنا فيها من كل زوج
كريم ﴿7﴾ إن في ذلك لاية وما كان أكثرهم مؤمنين ﴿8﴾ وإن
ربك لهو العزيز الرحيم ﴿9﴾ وإذ نادى ربك موسى أن ائت القوم
الظلمين ﴿10﴾ قوم فرعون ألا يتقون ﴿11﴾ قال رب إني أخاف
أن يكذبون ﴿12﴾ ويضيق صدري ولا ينطلق لساني فأرسل
إلى هرون ﴿13﴾ ولهم علي ذنب فأخاف أن يقتلون ﴿14﴾ قال
كلا فاذهبا بئايتنا إنا معكم مستمعون ﴿15﴾ فأتيا فرعون
فقولا إنا رسول رب العلمين ﴿16﴾ أن أرسل معنا بني إسرءيل
﴿17﴾ قال ألم نربك فينا وليدا ولبثت فينا من عمرك سنين ﴿18﴾
وفعلت فعلتك التي فعلت وأنت من الكفرين ﴿19﴾

26. *Sūratu x-Xugħarā'*

(Suret il-Poeti – Niżlet f'Mekka –
ħlief għall-versi 197, u mill-vers 224 sa l-aħħar,
li niżlu f'Medina. Niżlet b'227 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Ṭā'. Sīn. Mīm.*
2. Dawn huma l-versi tal-Ktieb mill-aktar ċar *(il-Qoran)*.
3. Jaqaw inti *(Muħammad)* se teqred lilek innifsek għaliex *(nies Mekka)* ma jemmnux?
4. Jekk irridu, Aħna nniżżlu fuqhom sinjal mis-sema *(li jġegħelhom jemmnu bilfors)* u rjushom jibqgħu baxxi quddiemu *(iżda ma nagħmlux hekk)*.
5. Ma tiġihomx tifkira ġdida mingħand Dak li huwa Kollu Ħniena li *(ma jiċħduhiex u)* ma jaqtuhiex il-ġenb.
6. Huma tassew giddbu *(kulma ġiehom mingħand Sidhom)*, iżda se tiġihom l-aħbar dwar dak li kienu jżebilhu.
7. Mela ma rawx l-art: kemm-il għamla tajba *(ta' ħxejjex)* nibbitna fiha?
8. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hawn sinjal, iżda ħafna minnhom ma jemmnux!
9. U tassew li Sidek *(il-Mulej)* huwa l-Qawwi, il-Ħanin!
10. *(Ftakar Muħammad)* meta Sidek sejjaħ lil Mosè *(u qallu)*: "Mur għand in-nies il-ħżiena,
11. nies il-Fargħun! Jaqaw ma jibżgħux *(minn Alla)*?"
12. Qal *(Mosè)*: "Sidi, tassew nibża' li jgiddbuni,
13. u naqa' f'diqa, u ma jintelaqx ilsieni. Mela ibgħat *(miegħi)* lil Aron *(ħija, biex jgħinni)*.
14. U huma *(nies il-Fargħun)* għandhom akkuża kontrija *(għaliex kont qtilt wieħed minnhom)*, u għalhekk nibża' li joqtluni."
15. Qal *(Alla)*: "Le *(ma joqtlukx)*! Morru t-tnejn li intom bis-sinjali tagħna! Tassew li Aħna nkunu magħkom, nisimgħu *(dak li tgħidu u dak li jweġbukom)*.
16. Morru, mela, għand il-Fargħun u għidulu: 'Aħna l-Mibgħutin *(tal-Mulej)* Sid il-ħolqien!
17. Ibgħat magħna lil Ulied Israel!'"
18. Qal *(il-Fargħun lil Mosè)*: "Mhux aħna rabbejniek *(sa minn mindu kont)* tarbija fostna, u bqajt magħna għal snin *(twal)* minn għomrok?
19. Inti dak li għamilt l-għemil *(ikrah li taf)* li kont għamilt *(meta qtilt wieħed minna)*, u *(b'hekk urejtna li)* kont wieħed minn dawk li ma jiżżux ħajr."

قَالَ فَعَلْتُهَآ إِذًا وَأَنَا۠ مِنَ ٱلضَّآلِّينَ ﴿20﴾ فَفَرَرْتُ مِنكُمْ لَمَّا خِفْتُكُمْ
فَوَهَبَ لِى رَبِّى حُكْمًا وَجَعَلَنِى مِنَ ٱلْمُرْسَلِينَ ﴿21﴾ وَتِلْكَ نِعْمَةٌ تَمُنُّهَا
عَلَىَّ أَنْ عَبَّدتَّ بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ ﴿22﴾ قَالَ فِرْعَوْنُ وَمَا رَبُّ ٱلْعَٰلَمِينَ
﴿23﴾ قَالَ رَبُّ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَمَا بَيْنَهُمَآ ۖ إِن كُنتُم مُّوقِنِينَ
﴿24﴾ قَالَ لِمَنْ حَوْلَهُۥٓ أَلَا تَسْتَمِعُونَ ﴿25﴾ قَالَ رَبُّكُمْ وَرَبُّ ءَابَآئِكُمُ
ٱلْأَوَّلِينَ ﴿26﴾ قَالَ إِنَّ رَسُولَكُمُ ٱلَّذِىٓ أُرْسِلَ إِلَيْكُمْ لَمَجْنُونٌ ﴿27﴾
قَالَ رَبُّ ٱلْمَشْرِقِ وَٱلْمَغْرِبِ وَمَا بَيْنَهُمَآ ۖ إِن كُنتُمْ تَعْقِلُونَ ﴿28﴾ قَالَ
لَئِنِ ٱتَّخَذْتَ إِلَٰهًا غَيْرِى لَأَجْعَلَنَّكَ مِنَ ٱلْمَسْجُونِينَ ﴿29﴾ قَالَ
أَوَلَوْ جِئْتُكَ بِشَىْءٍ مُّبِينٍ ﴿30﴾ قَالَ فَأْتِ بِهِۦٓ إِن كُنتَ مِنَ
ٱلصَّٰدِقِينَ ﴿31﴾ فَأَلْقَىٰ عَصَاهُ فَإِذَا هِىَ ثُعْبَانٌ مُّبِينٌ ﴿32﴾ وَنَزَعَ يَدَهُۥ
فَإِذَا هِىَ بَيْضَآءُ لِلنَّٰظِرِينَ ﴿33﴾ قَالَ لِلْمَلَإِ حَوْلَهُۥٓ إِنَّ هَٰذَا لَسَٰحِرٌ
عَلِيمٌ ﴿34﴾ يُرِيدُ أَن يُخْرِجَكُم مِّنْ أَرْضِكُم بِسِحْرِهِۦ فَمَاذَا
تَأْمُرُونَ ﴿35﴾ قَالُوٓا۟ أَرْجِهْ وَأَخَاهُ وَٱبْعَثْ فِى ٱلْمَدَآئِنِ حَٰشِرِينَ
﴿36﴾ يَأْتُوكَ بِكُلِّ سَحَّارٍ عَلِيمٍ ﴿37﴾ فَجُمِعَ ٱلسَّحَرَةُ
لِمِيقَٰتِ يَوْمٍ مَّعْلُومٍ ﴿38﴾ وَقِيلَ لِلنَّاسِ هَلْ أَنتُم مُّجْتَمِعُونَ ﴿39﴾

20. Qal*(lu Mosè)*: "Jiena għamiltu *(dak l-għemil ikrah)* meta kont mal-mitlufin.
21. Ħrabt minnkom meta bżajt minnkom, u Sidi *(il-Mulej)* tani għerf *(il-profezija)* u għamilni mill-Mibgħutin.
22. U dak hu l-pjaċir *(li inti għamiltli)*, u li tfakkarhuli biex nibqa' nafħulek: li inti jassart lil Ulied Israel?"
23. Qal il-Fargħun *(imkabbar)*: "U x'inhu *(dan li qiegħed issejjaħlu)* Sid il-ħolqien?"
24. Qal*(lu Mosè)*: "Huwa Sid is-smewwiet u l-art, u dak li hemm bejniethom, jekk intom temmnu bis-sħiħ!"
25. Qal *(il-Fargħun b'żeblieħ)* lil dawk ta' madwaru: "M'intomx qegħdin tisimgħu?"
26. Qal *(Mosè)*: "Huwa Sidkom u Sid missirijietkom tal-qedem."
27. Qal *(il-Fargħun mgħaddab)*: "Tabilħaqq li l-Mibgħut tagħkom li ntbagħatilkom huwa miġnun!"
28. *(Mosè ma tax kas ta' kliem il-Fargħun u)* qal: "Huwa Sid il-Lvant u l-Punent, u ta' dak li hemm bejniethom, jekk għandkom għaqal *(biex tifħmu)*!"
29. Qal*(lu l-Fargħun b'theddid)*: "Jekk tagħżel alla ieħor għajri, żgur li nqiegħdek mal-ħabsin!"
30. Qal*(lu Mosè)*: "U jekk inġiblek xi ħaġa ċara bil-bosta *(hekk li ma tkunx tista' tmeriha u tiċħadha)*?"
31. Qal*(lu l-Fargħun)*: "Ġibha *(ħalli naraw)*, jekk inti minn dawk li jgħidu s-sewwa!"
32. Għalhekk *(Mosè)* xeħet il-ħatar tiegħu *(fl-art)*, u ara, sar lifgħa fid-dieher!
33. U *(imbagħad)* ħareġ idu, u ara, *(dehret)* bajda *(silġ, tleqq kollha dija u tgħammex)* lil dawk li kienu *(hemm)* iħarsu.
34. Qal *(il-Fargħun)* lill-kbarat ta' madwaru: "Dan tassew saħħar li jaf xogħlu,
35. li jrid joħroġkom *(u jkeċċikom)* minn artkom bis-seħer tiegħu. Għalhekk xi tgħidu *(li għandna nagħmlu bih)*?"
36. Qalu *(il-kbarat)*: "Halli lilu u lil ħuh *(għal ftit taż-żmien)* u ibgħat *(lill-mibgħutin tiegħek)* fil-bliet *(ta' l-Eġittu)* biex jiġbru*(lek)*
37. u jġibulek kull saħħar li jaf xogħlu."
38. U nġabru s-saħħar f'ħin miftiehem ta' jum magħruf.
39. U ntqal lin-nies: "Intom *(ukoll)* se tinġabru *(biex ilkoll flimkien immorru għand il-Fargħun)*?

لَعَلَّنَا نَتَّبِعُ ٱلسَّحَرَةَ إِن كَانُوا۟ هُمُ ٱلْغَٰلِبِينَ ﴿40﴾ فَلَمَّا جَآءَ ٱلسَّحَرَةُ
قَالُوا۟ لِفِرْعَوْنَ أَئِنَّ لَنَا لَأَجْرًا إِن كُنَّا نَحْنُ ٱلْغَٰلِبِينَ ﴿41﴾ قَالَ نَعَمْ
وَإِنَّكُمْ إِذًا لَّمِنَ ٱلْمُقَرَّبِينَ ﴿42﴾ قَالَ لَهُم مُّوسَىٰٓ أَلْقُوا۟ مَآ أَنتُم مُّلْقُونَ
﴿43﴾ فَأَلْقَوْا۟ حِبَالَهُمْ وَعِصِيَّهُمْ وَقَالُوا۟ بِعِزَّةِ فِرْعَوْنَ إِنَّا لَنَحْنُ
ٱلْغَٰلِبُونَ ﴿44﴾ فَأَلْقَىٰ مُوسَىٰ عَصَاهُ فَإِذَا هِىَ تَلْقَفُ مَا يَأْفِكُونَ
﴿45﴾ فَأُلْقِىَ ٱلسَّحَرَةُ سَٰجِدِينَ ﴿46﴾ قَالُوٓا۟ ءَامَنَّا بِرَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿47﴾
رَبِّ مُوسَىٰ وَهَٰرُونَ ﴿48﴾ قَالَ ءَامَنتُمْ لَهُۥ قَبْلَ أَنْ ءَاذَنَ لَكُمْ ۖ إِنَّهُۥ
لَكَبِيرُكُمُ ٱلَّذِى عَلَّمَكُمُ ٱلسِّحْرَ ۖ فَلَسَوْفَ تَعْلَمُونَ ۚ لَأُقَطِّعَنَّ أَيْدِيَكُمْ
وَأَرْجُلَكُم مِّنْ خِلَٰفٍ وَلَأُصَلِّبَنَّكُمْ أَجْمَعِينَ ﴿49﴾ قَالُوا۟ لَا ضَيْرَ ۖ إِنَّآ
إِلَىٰ رَبِّنَا مُنقَلِبُونَ ﴿50﴾ إِنَّا نَطْمَعُ أَن يَغْفِرَ لَنَا رَبُّنَا خَطَٰيَٰنَآ أَن كُنَّآ
أَوَّلَ ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿51﴾ ۞ وَأَوْحَيْنَآ إِلَىٰ مُوسَىٰٓ أَنْ أَسْرِ بِعِبَادِىٓ إِنَّكُم
مُّتَّبَعُونَ ﴿52﴾ فَأَرْسَلَ فِرْعَوْنُ فِى ٱلْمَدَآئِنِ حَٰشِرِينَ ﴿53﴾ إِنَّ هَٰٓؤُلَآءِ
لَشِرْذِمَةٌ قَلِيلُونَ ﴿54﴾ وَإِنَّهُمْ لَنَا لَغَآئِظُونَ ﴿55﴾ وَإِنَّا لَجَمِيعٌ حَٰذِرُونَ
﴿56﴾ فَأَخْرَجْنَٰهُم مِّن جَنَّٰتٍ وَعُيُونٍ ﴿57﴾ وَكُنُوزٍ وَمَقَامٍ كَرِيمٍ ﴿58﴾
كَذَٰلِكَ وَأَوْرَثْنَٰهَا بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ ﴿59﴾ فَأَتْبَعُوهُم مُّشْرِقِينَ ﴿60﴾

ثلاثة أرباع الحزب 37

40. Għandna mnejn nimxu wara s-sħaħar, jekk joħorġu rebbiħin?"
41. U meta s-sħaħar ġew, qalu lill-Fargħun: "Se jkollna xi ħlas, jekk inkunu aħna r-rebbiħin?"
42. Qal*(ilhom)*: "Iva! Tabilħaqq li dak il-ħin tkunu qrib tiegħi *(u ssiru tal-qalba)*!"
43. *(Meta s-sħaħar Eġizzjani staqsew min se jibda l-ewwel)* Mosè qalilhom: "Ixħtu li għandkom tixħtu *(intom l-ewwel)*!"
44. Huma xeħtu l-ħbula u l-bsaten tagħhom u qalu: "Bil-qawwa tal-Fargħun, aħna tabilħaqq rebbiħin!"
45. U Mosè xeħet il-ħatar tiegħu u, arah, *(sar lifgħa u)* belgħet il-qerq tagħhom kollu *(bil-ħbula u l-bsaten b'kollox)*.
46. Għalhekk is-sħaħar *(Eġizzjani)* inxteħtu fl-art *(quddiem Mosè biex iqimu lil Alla tiegħu)*.
47. Huma qalu: "Aħna nemmnu f'Sid il-ħolqien,
48. Sid Mosè u Aron!"
49. Qal*(ilhom il-Fargħun)*: "Emmintu fih qabel ma jiena nħallikom *(tagħmlu hekk)*? Tassew li *(dan Mosè)* huwa l-kbir tagħkom li għallimkom is-seħer, iżda *(dalwaqt)* se tkunu tafu! Tassew li naqtagħlkom idejkom u riġlejkom, id ta' naħa u riġel ta' naħa oħra, u nsallabkom ilkoll kemm intom!"
50. Qalu*(lu)*: "Ma ġara xejn! Aħna tabilħaqq se mmorru lura għand Sidna *(il-Mulej)*.
51. Aħna nittamaw li Sidna jaħfrilna ħtijietna, talli konna l-ewwel fost dawk li emmnu."
52. Aħna nebbaħna lil Mosè *(u għednielu)*: "Itlaq mal-qaddejja tiegħi billejl, għaliex se jkollkom min jiġi għal warajkom!"
53. Il-Fargħun bagħat fil-bliet min jiġborlu *(l-Eġizzjani kollha)*.
54. *(Dawn ħabbru hekk:)* "Dawn *(il-Lhud ma humiex ħlief)* ġemgħa żgħira,
55. u qegħdin *(idejquna u)* iqanqlu l-għadab fina,
56. iżda aħna lkoll qegħdin għassa *(għalihom)*."
57. Għalhekk ħriġniehom *(lill-Faragħun u lil niesu)* minn ġonna u għejun *(ta' l-ilma)*,
58. minn teżori, u minn qagħdiet ta' ġieħ.
59. Hekk *(ġara)*, u lil Ulied Israel għamilniehom werrieta tagħhom.
60. Għalhekk *(il-Fargħun u niesu)* marru għal warajhom ma' tlugħ ix-xemx.

فَلَمَّا تَرَٰٓءَا ٱلْجَمْعَانِ قَالَ أَصْحَٰبُ مُوسَىٰٓ إِنَّا لَمُدْرَكُونَ ﴿61﴾ قَالَ
كَلَّآ ۖ إِنَّ مَعِىَ رَبِّى سَيَهْدِينِ ﴿62﴾ فَأَوْحَيْنَآ إِلَىٰ مُوسَىٰٓ أَنِ ٱضْرِب
بِّعَصَاكَ ٱلْبَحْرَ ۖ فَٱنفَلَقَ فَكَانَ كُلُّ فِرْقٍ كَٱلطَّوْدِ ٱلْعَظِيمِ ﴿63﴾
وَأَزْلَفْنَا ثَمَّ ٱلْءَاخَرِينَ ﴿64﴾ وَأَنجَيْنَا مُوسَىٰ وَمَن مَّعَهُۥٓ أَجْمَعِينَ ﴿65﴾
ثُمَّ أَغْرَقْنَا ٱلْءَاخَرِينَ ﴿66﴾ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَةً ۖ وَمَا كَانَ أَكْثَرُهُم
مُّؤْمِنِينَ ﴿67﴾ وَإِنَّ رَبَّكَ لَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلرَّحِيمُ ﴿68﴾ وَٱتْلُ عَلَيْهِمْ
نَبَأَ إِبْرَٰهِيمَ ﴿69﴾ إِذْ قَالَ لِأَبِيهِ وَقَوْمِهِۦ مَا تَعْبُدُونَ ﴿70﴾ قَالُوا۟
نَعْبُدُ أَصْنَامًا فَنَظَلُّ لَهَا عَٰكِفِينَ ﴿71﴾ قَالَ هَلْ يَسْمَعُونَكُمْ إِذْ
تَدْعُونَ ﴿72﴾ أَوْ يَنفَعُونَكُمْ أَوْ يَضُرُّونَ ﴿73﴾ قَالُوا۟ بَلْ وَجَدْنَآ ءَابَآءَنَا
كَذَٰلِكَ يَفْعَلُونَ ﴿74﴾ قَالَ أَفَرَءَيْتُم مَّا كُنتُمْ تَعْبُدُونَ ﴿75﴾ أَنتُمْ
وَءَابَآؤُكُمُ ٱلْأَقْدَمُونَ ﴿76﴾ فَإِنَّهُمْ عَدُوٌّ لِّىٓ إِلَّا رَبَّ ٱلْعَٰلَمِينَ
﴿77﴾ ٱلَّذِى خَلَقَنِى فَهُوَ يَهْدِينِ ﴿78﴾ وَٱلَّذِى هُوَ يُطْعِمُنِى وَيَسْقِينِ
﴿79﴾ وَإِذَا مَرِضْتُ فَهُوَ يَشْفِينِ ﴿80﴾ وَٱلَّذِى يُمِيتُنِى ثُمَّ
يُحْيِينِ ﴿81﴾ وَٱلَّذِىٓ أَطْمَعُ أَن يَغْفِرَ لِى خَطِيٓـَٔتِى يَوْمَ ٱلدِّينِ
﴿82﴾ رَبِّ هَبْ لِى حُكْمًا وَأَلْحِقْنِى بِٱلصَّٰلِحِينَ ﴿83﴾

61. U meta ż-żewġ ġemgħat raw lil xulxin, sħab Mosè qalu: "Tassew li se nintlaħqu *(mill-qawwiet tal-Fargħun u joqtluna)*!"
62. Qal*(ilhom Mosè)*: "Le! Miegħi tabilħaqq Sidi *(il-Mulej)* li se jmexxini *(lejn il-ħelsien)*!"
63. U nebbaħna lil Mosè *(u għednielu)*: "Olqot il-baħar bil-ħatar tiegħek!" U *(ara, il-baħar)* inferaq, u kull naħa kienet bħal muntanja mill-kbar.
64. Imbagħad ressaqna hemm lill-oħrajn *(nies il-Fargħun)*.
65. U ħlisna lil Mosè u lil min kien miegħu, ilkoll kemm huma.
66. Imbagħad għerriqna lill-oħrajn.
67. F'dan tabilħaqq hawn sinjal, iżda ħafna minnhom m'emmnux.
68. Tabilħaqq li Sidek *(il-Mulej)* huwa l-Qawwi, il-Ħanin.
69. U ħabbrilhom *(Muħammad)* il-ġrajja ta' Abraham,
70. meta qal lil missieru u lil niesu: "X'qegħdin tqimu?"
71. Qalu *(bi ftaħir)*: "Aħna nqimu idoli, u dejjem miġbura quddiemhom *(fit-talb)*."
72. Qal*(ilhom Abraham)*: "Jaqaw jisimgħukom meta ssejħu*(lhom)*,
73. jew huma ta' xi fejda għalikom, jew ta' ħsara?"
74. Qalu: "Le, imma sibna lil missirijietna jagħmlu hekk."
75. Qal *(Abraham)*: "Imma qegħdin taraw x'qegħdin tqimu
76. intom u missirijietkom li ġew qabilkom?
77. Tabilħaqq li huma *(kollha)* għadu tiegħi, *(u jiena ma nqimx)* ħlief Sid il-ħolqien,
78. li ħalaqni, u Huwa jmexxini,
79. Huwa li jitmagħni u jisqini,
80. u meta nimrad, Huwa jfejjaqni;
81. Dak li jagħtini l-mewt, u mbagħad jagħtini l-ħajja *(ta' dejjem)*,
82. Dak li nittama li jaħfirli l-ħtija tiegħi f'Jum il-Ġudizzju.
83. Sidi *(il-Mulej)*, agħtini għerf, u qegħedni mal-ġusti.

وَاجْعَل لِّي لِسَانَ صِدْقٍ فِي الْآخِرِينَ ﴿84﴾ وَاجْعَلْنِي مِن وَرَثَةِ جَنَّةِ
النَّعِيمِ ﴿85﴾ وَاغْفِرْ لِأَبِي إِنَّهُ كَانَ مِنَ الضَّالِّينَ ﴿86﴾ وَلَا تُخْزِنِي يَوْمَ
يُبْعَثُونَ ﴿87﴾ يَوْمَ لَا يَنفَعُ مَالٌ وَلَا بَنُونَ ﴿88﴾ إِلَّا مَنْ أَتَى اللَّهَ بِقَلْبٍ
سَلِيمٍ ﴿89﴾ وَأُزْلِفَتِ الْجَنَّةُ لِلْمُتَّقِينَ ﴿90﴾ وَبُرِّزَتِ الْجَحِيمُ لِلْغَاوِينَ
﴿91﴾ وَقِيلَ لَهُمْ أَيْنَ مَا كُنتُمْ تَعْبُدُونَ ﴿92﴾ مِن دُونِ اللَّهِ هَلْ يَنصُرُونَكُمْ
أَوْ يَنتَصِرُونَ ﴿93﴾ فَكُبْكِبُوا فِيهَا هُمْ وَالْغَاوُونَ ﴿94﴾ وَجُنُودُ إِبْلِيسَ
أَجْمَعُونَ ﴿95﴾ قَالُوا وَهُمْ فِيهَا يَخْتَصِمُونَ ﴿96﴾ تَاللَّهِ إِن كُنَّا لَفِي
ضَلَالٍ مُّبِينٍ ﴿97﴾ إِذْ نُسَوِّيكُم بِرَبِّ الْعَالَمِينَ ﴿98﴾ وَمَا أَضَلَّنَا
إِلَّا الْمُجْرِمُونَ ﴿99﴾ فَمَا لَنَا مِن شَافِعِينَ ﴿100﴾ وَلَا صَدِيقٍ حَمِيمٍ ﴿101﴾
فَلَوْ أَنَّ لَنَا كَرَّةً فَنَكُونَ مِنَ الْمُؤْمِنِينَ ﴿102﴾ إِنَّ فِي ذَٰلِكَ لَآيَةً ۖ وَمَا كَانَ
أَكْثَرُهُم مُّؤْمِنِينَ ﴿103﴾ وَإِنَّ رَبَّكَ لَهُوَ الْعَزِيزُ الرَّحِيمُ ﴿104﴾ كَذَّبَتْ
قَوْمُ نُوحٍ الْمُرْسَلِينَ ﴿105﴾ إِذْ قَالَ لَهُمْ أَخُوهُمْ نُوحٌ أَلَا تَتَّقُونَ ﴿106﴾
إِنِّي لَكُمْ رَسُولٌ أَمِينٌ ﴿107﴾ فَاتَّقُوا اللَّهَ وَأَطِيعُونِ ﴿108﴾ وَمَا أَسْأَلُكُمْ
عَلَيْهِ مِنْ أَجْرٍ ۖ إِنْ أَجْرِيَ إِلَّا عَلَىٰ رَبِّ الْعَالَمِينَ ﴿109﴾ فَاتَّقُوا اللَّهَ
وَأَطِيعُونِ ﴿110﴾ ۞ قَالُوا أَنُؤْمِنُ لَكَ وَاتَّبَعَكَ الْأَرْذَلُونَ ﴿111﴾

الحزب 38

84. U *(agħmel li nkun imfakkar)* minn ta' warajja bi lsien is-
sewwa *(u jagħtuni ġieħ)*,
85. u agħmilni fost il-werrieta tal-Ġenna ta' l-hena,
86. u aħfer lil missieri għaliex kien tabilħaqq fost il-mitlufin.
87. U la twaqqagħnix fil-għajb fil-Jum li *(il-bnedmin)*
jitqajmu mill-mewt,
88. fil-Jum meta la l-ġid u lanqas l-ulied ma jiswew,
89. ħlief min imur għand Alla b'qalb safja."
90. U l-Ġenna titressaq lejn dawk li jibżgħu minn Alla,
91. u n-Nar iħeġġeġ jidher lil dawk li ntilfu,
92. u jintqalilhom: "Fejn huma dawk *(l-idoli)* li kontu tqimu
93. minflok Alla? Jaqaw jgħinukom, jew jgħinu lilhom
infushom?"
94. Imbagħad jitwaddbu rashom 'l isfel fih *(f'nar l-Infern)*,
huma u l-mitlufin,
95. flimkien mal-qawwiet kollha ta' 'Iblīs.
96. Fih jitlewmu bejniethom u jgħidu:
97. "Fuq Alla! Aħna konna tassew f'telfien fid-dieher,
98. meta *(lilkom l-idoli)* għamilniekom daqs Sid il-ħolqien!
99. Ħadd ma tellifna t-triq ħlief il-ħatjin,
100. u *(issa)* ma għandna lil ħadd min jidħol għalina,
101. lanqas ħabib tal-qalb!
102. Kieku kellna nerġgħu lura *(fid-dinja)*, kieku nkunu fost
dawk li jemmnu!"
103. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hawn sinjal, iżda ħafna
minnhom ma jemmnux!
104. Sidek tabilħaqq huwa l-Qawwi, il-Ħanin!
105. Nies Noè *(ukoll)* giddbu lill-Mibgħutin *(tagħna)*
106. meta ħuhom Noè qalilhom: "Jaqaw ma tibżgħux *(mill-
kastig ta' Alla meta tqimu l-idoli)*?
107. Tabilħaqq li jiena, għalikom, Mibgħut li tistgħu toqogħdu
fuqu.
108. Mela ibżgħu minn Alla u obduni!
109. Ta' dan ma nitlobkomx ħlas. Ħlasi ma huwiex ħlief
mingħand Sid il-ħolqien!
110. Mela ibżgħu minn Alla u obduni!"
111. Qalu*(lu niesu)*: "Jaqaw għandna nemmnuk, meta huma l-
baxxi *(fis-soċjetà tagħna)* li ġew warajk?"

قَالَ وَمَا عِلْمِي بِمَا كَانُوا يَعْمَلُونَ ﴿112﴾ إِنْ حِسَابُهُمْ إِلَّا عَلَىٰ رَبِّي
لَوْ تَشْعُرُونَ ﴿113﴾ وَمَا أَنَا بِطَارِدِ الْمُؤْمِنِينَ ﴿114﴾ إِنْ أَنَا إِلَّا نَذِيرٌ مُبِينٌ
﴿115﴾ قَالُوا لَئِنْ لَمْ تَنْتَهِ يَا نُوحُ لَتَكُونَنَّ مِنَ الْمَرْجُومِينَ ﴿116﴾ قَالَ
رَبِّ إِنَّ قَوْمِي كَذَّبُونِ ﴿117﴾ فَافْتَحْ بَيْنِي وَبَيْنَهُمْ فَتْحًا وَنَجِّنِي وَمَنْ
مَعِيَ مِنَ الْمُؤْمِنِينَ ﴿118﴾ فَأَنْجَيْنَاهُ وَمَنْ مَعَهُ فِي الْفُلْكِ الْمَشْحُونِ
﴿119﴾ ثُمَّ أَغْرَقْنَا بَعْدُ الْبَاقِينَ ﴿120﴾ إِنَّ فِي ذَٰلِكَ لَآيَةً وَمَا كَانَ
أَكْثَرُهُمْ مُؤْمِنِينَ ﴿121﴾ وَإِنَّ رَبَّكَ لَهُوَ الْعَزِيزُ الرَّحِيمُ ﴿122﴾ كَذَّبَتْ
عَادٌ الْمُرْسَلِينَ ﴿123﴾ إِذْ قَالَ لَهُمْ أَخُوهُمْ هُودٌ أَلَا تَتَّقُونَ ﴿124﴾ إِنِّي لَكُمْ
رَسُولٌ أَمِينٌ ﴿125﴾ فَاتَّقُوا اللَّهَ وَأَطِيعُونِ ﴿126﴾ وَمَا أَسْأَلُكُمْ عَلَيْهِ
مِنْ أَجْرٍ إِنْ أَجْرِيَ إِلَّا عَلَىٰ رَبِّ الْعَالَمِينَ ﴿127﴾ أَتَبْنُونَ بِكُلِّ رِيعٍ
آيَةً تَعْبَثُونَ ﴿128﴾ وَتَتَّخِذُونَ مَصَانِعَ لَعَلَّكُمْ تَخْلُدُونَ ﴿129﴾
وَإِذَا بَطَشْتُمْ بَطَشْتُمْ جَبَّارِينَ ﴿130﴾ فَاتَّقُوا اللَّهَ وَأَطِيعُونِ ﴿131﴾
وَاتَّقُوا الَّذِي أَمَدَّكُمْ بِمَا تَعْلَمُونَ ﴿132﴾ أَمَدَّكُمْ بِأَنْعَامٍ وَبَنِينَ ﴿133﴾
وَجَنَّاتٍ وَعُيُونٍ ﴿134﴾ إِنِّي أَخَافُ عَلَيْكُمْ عَذَابَ يَوْمٍ عَظِيمٍ
﴿135﴾ قَالُوا سَوَاءٌ عَلَيْنَا أَوَعَظْتَ أَمْ لَمْ تَكُنْ مِنَ الْوَاعِظِينَ ﴿136﴾

112. Qal*(ilhom)*: "U jiena x'naf dwar dak li kienu jagħmlu *(fl-imgħoddi, jew x'għandhom fi qlubhom issa)*?
113. Il-kont tagħhom jinsab biss għand Sidi *(u Hu biss iħallashom dak li ħaqqhom)*, li kieku tistgħu tifhmu!
114. U lanqas ma jiena se nkeċċi lil dawk li jemmnu.
115. Jiena m'iniex ħlief wieħed li jwissi bid-dieher!"
116. Qalu*(lu)*: "Jekk mhux se tieqaf, Noè *(minn dan kliemek)*, tassew li se tkun imħaġġar!"
117. Qal: "Sidi, tabilħaqq li niesi giddbuni.
118. Mela agħmel ħaqq bejni u bejnhom, u eħles lili u lil dawk miegħi li jemmnu."
119. Għalhekk ħlisna lilu u lil dawk li kienu miegħu fl-arka l-imgħobbija *(b'kull ġens ta' bhejjem)*.
120. Imbagħad għerriqna lil min kien baqa' *(fuq l-art)*.
121. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hawn sinjal, iżda ħafna minnhom ma jemmnux.
122. U tassew li Sidek *(il-Mulej)* huwa l-Qawwi, il-Ħanin!
123. *(Ġens)* Għād *(ukoll)* giddeb lill-Mibgħutin *(ta' Alla)*
124. meta ħuhom Hūd qalilħom: "Jaqaw ma tibżgħux *(mill-kastig ta' Alla meta tqimu l-idoli)*?
125. Tabilħaqq li jiena, għalikom, Mibgħut li tistgħu toqogħdu fuqu.
126. Mela ibżgħu minn Alla u obduni!
127. Ta' dan ma nitlobkomx ħlas. Ħlasi ma huwiex ħlief mingħand Sid il-ħolqien!
128. Jaqaw tibnu mafkar li jidher fuq kull għolja biex tedhew *(u taħlu ż-żmien)*,
129. u tibnu fortizzi kbar biex mingħalikom tgħixu għal dejjem?
130. U meta turu l-qilla tagħkom *(mal-ġnus ta' madwarkom)*, tagħmlu hekk bil-ħruxija u bl-arroganza kollha?
131. Mela ibżgħu minn Alla u obduni,
132. u ibżgħu minn Dak li takom dak li tafu:
133. takom bhejjem *(għall-ħtiġijiet tagħkom)*, u wlied,
134. kif ukoll ġonna u għejun ta' l-ilma.
135. Tabilħaqq li nibża' li jkollkom il-kastig ta' Jum kbir *(li fih iseħħu ħwejjeġ tal-biża')*!"
136. Qalu: "Għalina xorta waħda jekk twissi *(lilna)* jew ma twissix!

إِنْ هَٰذَآ إِلَّا خُلُقُ ٱلْأَوَّلِينَ ﴿137﴾ وَمَا نَحْنُ بِمُعَذَّبِينَ ﴿138﴾ فَكَذَّبُوهُ
فَأَهْلَكْنَٰهُمْ ۗ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَةً ۖ وَمَا كَانَ أَكْثَرُهُم مُّؤْمِنِينَ ﴿139﴾ وَإِنَّ
رَبَّكَ لَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلرَّحِيمُ ﴿140﴾ كَذَّبَتْ ثَمُودُ ٱلْمُرْسَلِينَ ﴿141﴾ إِذْ قَالَ
لَهُمْ أَخُوهُمْ صَٰلِحٌ أَلَا تَتَّقُونَ ﴿142﴾ إِنِّى لَكُمْ رَسُولٌ أَمِينٌ ﴿143﴾
فَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَأَطِيعُونِ ﴿144﴾ وَمَآ أَسْـَٔلُكُمْ عَلَيْهِ مِنْ أَجْرٍ ۖ إِنْ أَجْرِىَ
إِلَّا عَلَىٰ رَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿145﴾ أَتُتْرَكُونَ فِى مَا هَٰهُنَآ ءَامِنِينَ ﴿146﴾
فِى جَنَّٰتٍ وَعُيُونٍ ﴿147﴾ وَزُرُوعٍ وَنَخْلٍ طَلْعُهَا هَضِيمٌ ﴿148﴾
وَتَنْحِتُونَ مِنَ ٱلْجِبَالِ بُيُوتًا فَٰرِهِينَ ﴿149﴾ فَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَأَطِيعُونِ
﴿150﴾ وَلَا تُطِيعُوٓا۟ أَمْرَ ٱلْمُسْرِفِينَ ﴿151﴾ ٱلَّذِينَ يُفْسِدُونَ فِى ٱلْأَرْضِ
وَلَا يُصْلِحُونَ ﴿152﴾ قَالُوٓا۟ إِنَّمَآ أَنتَ مِنَ ٱلْمُسَحَّرِينَ ﴿153﴾ مَآ أَنتَ
إِلَّا بَشَرٌ مِّثْلُنَا فَأْتِ بِـَٔايَةٍ إِن كُنتَ مِنَ ٱلصَّٰدِقِينَ ﴿154﴾ قَالَ
هَٰذِهِۦ نَاقَةٌ لَّهَا شِرْبٌ وَلَكُمْ شِرْبُ يَوْمٍ مَّعْلُومٍ ﴿155﴾ وَلَا تَمَسُّوهَا
بِسُوٓءٍ فَيَأْخُذَكُمْ عَذَابُ يَوْمٍ عَظِيمٍ ﴿156﴾ فَعَقَرُوهَا فَأَصْبَحُوا۟
نَٰدِمِينَ ﴿157﴾ فَأَخَذَهُمُ ٱلْعَذَابُ ۗ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَةً ۖ وَمَا كَانَ
أَكْثَرُهُم مُّؤْمِنِينَ ﴿158﴾ وَإِنَّ رَبَّكَ لَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلرَّحِيمُ ﴿159﴾

137. Din ma hijiex ħlief id-drawwa ta' nies l-imgħoddi,
138. u m'aħniex se nkunu kastigati!"
139. Huma giddbuh, u Aħna qridniehom. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hawn sinjal, iżda ħafna minnhom ma jemmnux.
140. Tassew li Sidek *(Muħammad)* huwa l-Qawwi, il-Ħanin!
141. *(Ġens)* Ṯamūd *(ukoll)* giddeb il-Mibgħutin *(ta' Alla)*
142. meta ħuhom Ṣāliħ qalilhom: "Jaqaw ma tibżgħux *(mill-kastig ta' Alla meta tqimu l-idoli)*?
143. Tabilħaqq li jiena, għalikom, Mibgħut li tistgħu toqogħdu fuqu.
144. Mela ibżgħu minn Alla u obduni!
145. Ta' dan ma nitlobkomx ħlas. Ħlasi ma huwiex ħlief mingħand Sid il-ħolqien!
146. Jaqaw *(qegħdin taħsbu li)* se titħallew hawn *(fid-dinja)* imħarsin *(u tithennew għal dejjem)*,
147. f'ġonna u *(qrib)* l-għejun ta' l-ilma,
148. fil-miżrugħ *(imdawrin bir-raba', siġar u xtieli)* u siġar tal-palm li l-frott tiegħu bnin,
149. u tagħmlu mill-iġbla djar *(għalikom)*, b'sengħa kbira?
150. Għalhekk ibżgħu minn Alla u obduni,
151. u la toqogħdux għal dawk li jagħmlu wisq *(ħażen)*,
152. dawk li jagħmlu l-ħsara fl-art u ma jagħmlux il-ġid."
153. Qalu: "Inti biss wieħed mill-imsaħħrin bil-kbir!
154. M'intix ħlief bniedem bħalna! Mela ġib xi sinjal *(li juri li inti Mibgħut ta' Alla)*, jekk inti minn dawk li jgħidu s-sewwa!"
155. Qal*(ilhom)*: "*(Is-sinjal għalikom ikun)* din: ġemla *(li Alla, b'miraklu, ħareġ minn blata)*. Hija għandha sehem *(mill-ilma)* x'tixrob, u intom għandkom sehem x'tixorbu, *(kull wieħed)* f'jum magħruf.
156. La tmissuha b'ebda ħsara, inkella jmisskom il-kastig ta' Jum kbir!"
157. U qatluha *(lill-ġemla, imbagħad)* saru nedmin *(iżda kien tard wisq)*.
158. U ħadhom *(għal għarrieda)* il-kastig. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hawn sinjal, iżda ħafna minnhom ma jemmnux!
159. Tassew li Sidek huwa l-Qawwi, il-Ħanin.

كَذَّبَتْ قَوْمُ لُوطٍ ٱلْمُرْسَلِينَ ﴿160﴾ إِذْ قَالَ لَهُمْ أَخُوهُمْ لُوطٌ أَلَا تَتَّقُونَ
﴿161﴾ إِنِّي لَكُمْ رَسُولٌ أَمِينٌ ﴿162﴾ فَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَأَطِيعُونِ ﴿163﴾ وَمَآ
أَسْـَٔلُكُمْ عَلَيْهِ مِنْ أَجْرٍ ۖ إِنْ أَجْرِيَ إِلَّا عَلَىٰ رَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿164﴾
أَتَأْتُونَ ٱلذُّكْرَانَ مِنَ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿165﴾ وَتَذَرُونَ مَا خَلَقَ لَكُمْ رَبُّكُم
مِّنْ أَزْوَٰجِكُم ۚ بَلْ أَنتُمْ قَوْمٌ عَادُونَ ﴿166﴾ قَالُوا۟ لَئِن لَّمْ تَنتَهِ يَٰلُوطُ
لَتَكُونَنَّ مِنَ ٱلْمُخْرَجِينَ ﴿167﴾ قَالَ إِنِّي لِعَمَلِكُم مِّنَ ٱلْقَالِينَ ﴿168﴾
رَبِّ نَجِّنِي وَأَهْلِي مِمَّا يَعْمَلُونَ ﴿169﴾ فَنَجَّيْنَٰهُ وَأَهْلَهُۥٓ أَجْمَعِينَ ﴿170﴾
إِلَّا عَجُوزًا فِي ٱلْغَٰبِرِينَ ﴿171﴾ ثُمَّ دَمَّرْنَا ٱلْـَٔاخَرِينَ ﴿172﴾ وَأَمْطَرْنَا عَلَيْهِم
مَّطَرًا ۖ فَسَآءَ مَطَرُ ٱلْمُنذَرِينَ ﴿173﴾ إِنَّ فِي ذَٰلِكَ لَءَايَةً ۖ وَمَا كَانَ أَكْثَرُهُم
مُّؤْمِنِينَ ﴿174﴾ وَإِنَّ رَبَّكَ لَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلرَّحِيمُ ﴿175﴾ كَذَّبَ أَصْحَٰبُ
لْـَٔيْكَةِ ٱلْمُرْسَلِينَ ﴿176﴾ إِذْ قَالَ لَهُمْ شُعَيْبٌ أَلَا تَتَّقُونَ ﴿177﴾ إِنِّي لَكُمْ
رَسُولٌ أَمِينٌ ﴿178﴾ فَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَأَطِيعُونِ ﴿179﴾ وَمَآ أَسْـَٔلُكُمْ عَلَيْهِ
مِنْ أَجْرٍ ۖ إِنْ أَجْرِيَ إِلَّا عَلَىٰ رَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿180﴾ ۞ أَوْفُوا۟ ٱلْكَيْلَ وَلَا
تَكُونُوا۟ مِنَ ٱلْمُخْسِرِينَ ﴿181﴾ وَزِنُوا۟ بِٱلْقِسْطَاسِ ٱلْمُسْتَقِيمِ ﴿182﴾
وَلَا تَبْخَسُوا۟ ٱلنَّاسَ أَشْيَآءَهُمْ وَلَا تَعْثَوْا۟ فِي ٱلْأَرْضِ مُفْسِدِينَ ﴿183﴾

ربع الحزب 38

160. *(Nies)* Lot *(ukoll)* giddbu l-Mibgħutin *(ta' Alla)*
161. meta ħuhom Lot qalilhom: "Jaqaw ma tibżgħux *(mill-kastig ta' Alla meta tqimu l-idoli)*?
162. Tabilħaqq li jiena, għalikom, Mibgħut li tistgħu toqogħdu fuqu.
163. Mela ibżgħu minn Alla u obduni!
164. Ta' dan ma nitlobkomx ħlas. Ħlasi ma huwiex ħlief mingħand Sid il-ħolqien!
165. Jaqaw, intom *(biss)* fost il-ħolqien li tridu tersqu lejn l-irġiel *(bħalkom)*,
166. u tħallu n-nisa tagħkom li Sidkom ħalaq għalikom? Le *(ma tagħmlux sew)*. Intom tassew nies li qbiżtu l-limiti!"
167. Qalu*(lu)*: "Jekk m'intix se tieqaf *(tredden)*, ja Lot, tassew se tkun fost l-imkeċċijin *(minn din il-belt)*!"
168. Qal*(ilhom)*: "Jiena tabilħaqq nistmerr l-għemil *(faħxi)* tagħkom!
169. Sidi, eħles lili u lil niesi minn dak li *(dawn in-nies)* jagħmlu!"
170. Għalhekk ħlisna lilu u lil niesu kollha,
171. ħlief għal xiħa *(mart Lot)* li kienet mill-meqrudin.
172. Imbagħad qridna lill-oħrajn,
173. u niżżilna fuqhom xita *(ta' kubrit)*. Tassew mill-agħar ix-xita ta' l-imwissijin *(li baqgħu jwebbsu rashom)*!
174. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hawn sinjal, iżda ħafna minnhom ma jemmnux!
175. Tassew li Sidek huwa l-Qawwi, il-Ħanin.
176. Nies *(il-Mibgħut Xugħajb li għexu qrib)* il-masġar *(f'Madjan)* giddbu *(ukoll)* lill-Mibgħutin *(ta' Alla)*
177. meta Xugħajb qalilhom: "Jaqaw ma tibżgħux *(mill-kastig ta' Alla meta tqimu l-idoli)*?
178. Tabilħaqq li jiena, għalikom, Mibgħut li tistgħu toqogħdu fuqu.
179. Mela ibżgħu minn Alla u obduni!
180. Ta' dan ma nitlobkomx ħlas. Ħlasi ma huwiex ħlief mingħand Sid il-ħolqien!
181. Agħtu kejl tajjeb, u tkunux minn dawk li jagħtu lin-nies inqas milli ħaqqhom!
182. Iżnu bil-miżien il-ġust,
183. u ċċaħħdux lin-nies minn dak li hu tagħhom, la tagħmlux ħażen fuq l-art bil-ħsara tagħkom,

وَاتَّقُوا الَّذِي خَلَقَكُمْ وَالْجِبِلَّةَ الْأَوَّلِينَ ﴿184﴾ قَالُوا إِنَّمَا أَنتَ
مِنَ الْمُسَحَّرِينَ ﴿185﴾ وَمَا أَنتَ إِلَّا بَشَرٌ مِّثْلُنَا وَإِن نَّظُنُّكَ لَمِنَ
الْكَاذِبِينَ ﴿186﴾ فَأَسْقِطْ عَلَيْنَا كِسَفًا مِّنَ السَّمَاءِ إِن كُنتَ
مِنَ الصَّادِقِينَ ﴿187﴾ قَالَ رَبِّي أَعْلَمُ بِمَا تَعْمَلُونَ ﴿188﴾ فَكَذَّبُوهُ
فَأَخَذَهُمْ عَذَابُ يَوْمِ الظُّلَّةِ ۚ إِنَّهُ كَانَ عَذَابَ يَوْمٍ عَظِيمٍ ﴿189﴾
إِنَّ فِي ذَٰلِكَ لَآيَةً ۖ وَمَا كَانَ أَكْثَرُهُم مُّؤْمِنِينَ ﴿190﴾ وَإِنَّ رَبَّكَ لَهُوَ
الْعَزِيزُ الرَّحِيمُ ﴿191﴾ وَإِنَّهُ لَتَنزِيلُ رَبِّ الْعَالَمِينَ ﴿192﴾ نَزَلَ بِهِ الرُّوحُ
الْأَمِينُ ﴿193﴾ عَلَىٰ قَلْبِكَ لِتَكُونَ مِنَ الْمُنذِرِينَ ﴿194﴾ بِلِسَانٍ عَرَبِيٍّ
مُّبِينٍ ﴿195﴾ وَإِنَّهُ لَفِي زُبُرِ الْأَوَّلِينَ ﴿196﴾ أَوَلَمْ يَكُن لَّهُمْ آيَةً أَن يَعْلَمَهُ
عُلَمَاءُ بَنِي إِسْرَائِيلَ ﴿197﴾ وَلَوْ نَزَّلْنَاهُ عَلَىٰ بَعْضِ الْأَعْجَمِينَ ﴿198﴾
فَقَرَأَهُ عَلَيْهِم مَّا كَانُوا بِهِ مُؤْمِنِينَ ﴿199﴾ كَذَٰلِكَ سَلَكْنَاهُ
فِي قُلُوبِ الْمُجْرِمِينَ ﴿200﴾ لَا يُؤْمِنُونَ بِهِ حَتَّىٰ يَرَوُا الْعَذَابَ
الْأَلِيمَ ﴿201﴾ فَيَأْتِيَهُم بَغْتَةً وَهُمْ لَا يَشْعُرُونَ ﴿202﴾ فَيَقُولُوا
هَلْ نَحْنُ مُنظَرُونَ ﴿203﴾ أَفَبِعَذَابِنَا يَسْتَعْجِلُونَ ﴿204﴾ أَفَرَأَيْتَ
إِن مَّتَّعْنَاهُمْ سِنِينَ ﴿205﴾ ثُمَّ جَاءَهُم مَّا كَانُوا يُوعَدُونَ ﴿206﴾

184. u ibżgħu minn Dak li ħalaq lilkom u lill-ġnus ta' l-imgħoddi!"
185. Qalu*(lu)*: "Inti biss wieħed mill-imsaħħrin bil-kbir!
186. M'intix ħlief bniedem bħalna, u tassew inqisuk mill-giddibin!
187. Mela niżżel fuqna *(il-kastig tagħna)* f'biċċiet mis-sema, jekk inti minn dawk li jgħidu s-sewwa."
188. Qal*(ilhom Xugħajb)*: "Sidi jaf l-aktar b'dak li qegħdin tagħmlu!"
189. Għalhekk giddbuh, u ħadhom *(għal għarrieda)* il-kastig ta' jum id-dell *(meta sabu kenn taħt sħaba kbira mis-sħana li ġiet fuqhom)*. Huwa kien tabilħaqq il-kastig ta' Jum kbir!
190. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hawn sinjal, iżda ħafna minnhom ma jemmnux!
191. Tassew li Sidek huwa l-Qawwi, il-Ħanin.
192. Tabilħaqq *(li dan il-Qoran)* huwa mniżżel minn Sid il-ħolqien!
193. Niżlet bih ir-ruħ sinċiera *(l-anġlu Gabrijel)*
194. f'qalbek *(Muħammad)* biex tkun minn dawk li jwissu
195. bi lsien Għarbi ċar.
196. Huwa tabilħaqq *(jissemma)* fil-Kotba *(mqaddsa)* ta' nies l-imgħoddi!
197. Mela ma hijiex prova *(biżżejjed għall-pagani ta' Mekka)* li l-għorrief ta' Wlied Israel jafu bih *(dan il-Qoran)*?
198. U li kieku niżżilnieh *(dan il-Ktieb)* lil xi ħadd li ma huwiex Għarbi,
199. u qrahulhom *(lil nies Mekka, dawn xorta waħda)* ma kinux jemmnu fih!
200. Hekk daħħalnieh fi qlub il-ħatjin *(li semgħuh u fehmuh, iżda ma riduxjemmnu u ċaħduh)*.
201. Ma humiex se jemmnu fih sa ma jaraw il-kastig ta' wġigħ.
202. Huwa jiġihom għal għarrieda, u huma ma jintebħux.
203. Huma jgħidu *(meta jaħsadhom il-kastig)*: "Tgħid ningħataw aktar żmien *(biex insewwu l-ħsara tagħna)*?"
204. *(U issa)* kif iridu jgħaġġlu l-kastig tagħna *(fuqhom)*?
205. Jaqaw taħseb *(Muħammad)* li jekk nagħtuhom li jgawdu *(aktar)* snin *(fid-dinja)*,
206. imbagħad jiġihom dak *(il-kastig)* li kienu mwiegħda,

مَآ أَغۡنَىٰ عَنۡهُم مَّا كَانُواْ يُمَتَّعُونَ ﴿207﴾ وَمَآ أَهۡلَكۡنَا مِن قَرۡيَةٍ إِلَّا
لَهَا مُنذِرُونَ ﴿208﴾ ذِكۡرَىٰ وَمَا كُنَّا ظَٰلِمِينَ ﴿209﴾ وَمَا تَنَزَّلَتۡ بِهِ
ٱلشَّيَٰطِينُ ﴿210﴾ وَمَا يَنۢبَغِي لَهُمۡ وَمَا يَسۡتَطِيعُونَ ﴿211﴾ إِنَّهُمۡ
عَنِ ٱلسَّمۡعِ لَمَعۡزُولُونَ ﴿212﴾ فَلَا تَدۡعُ مَعَ ٱللَّهِ إِلَٰهًا ءَاخَرَ فَتَكُونَ
مِنَ ٱلۡمُعَذَّبِينَ ﴿213﴾ وَأَنذِرۡ عَشِيرَتَكَ ٱلۡأَقۡرَبِينَ ﴿214﴾ وَٱخۡفِضۡ
جَنَاحَكَ لِمَنِ ٱتَّبَعَكَ مِنَ ٱلۡمُؤۡمِنِينَ ﴿215﴾ فَإِنۡ عَصَوۡكَ فَقُلۡ إِنِّي
بَرِيٓءٞ مِّمَّا تَعۡمَلُونَ ﴿216﴾ وَتَوَكَّلۡ عَلَى ٱلۡعَزِيزِ ٱلرَّحِيمِ ﴿217﴾ ٱلَّذِي
يَرَىٰكَ حِينَ تَقُومُ ﴿218﴾ وَتَقَلُّبَكَ فِي ٱلسَّٰجِدِينَ ﴿219﴾ إِنَّهُۥ هُوَ ٱلسَّمِيعُ
ٱلۡعَلِيمُ ﴿220﴾ هَلۡ أُنَبِّئُكُمۡ عَلَىٰ مَن تَنَزَّلُ ٱلشَّيَٰطِينُ ﴿221﴾ تَنَزَّلُ عَلَىٰ
كُلِّ أَفَّاكٍ أَثِيمٖ ﴿222﴾ يُلۡقُونَ ٱلسَّمۡعَ وَأَكۡثَرُهُمۡ كَٰذِبُونَ ﴿223﴾
وَٱلشُّعَرَآءُ يَتَّبِعُهُمُ ٱلۡغَاوُۥنَ ﴿224﴾ أَلَمۡ تَرَ أَنَّهُمۡ فِي كُلِّ وَادٖ
يَهِيمُونَ ﴿225﴾ وَأَنَّهُمۡ يَقُولُونَ مَا لَا يَفۡعَلُونَ ﴿226﴾ إِلَّا ٱلَّذِينَ
ءَامَنُواْ وَعَمِلُواْ ٱلصَّٰلِحَٰتِ وَذَكَرُواْ ٱللَّهَ كَثِيرٗا وَٱنتَصَرُواْ مِنۢ
بَعۡدِ مَا ظُلِمُواْۗ وَسَيَعۡلَمُ ٱلَّذِينَ ظَلَمُوٓاْ أَيَّ مُنقَلَبٖ يَنقَلِبُونَ ﴿227﴾

سُورَةُ النَّمۡلِ

207. se jiswewlhom *(xi ħaġa)* dawk *(is-snin)* li ngħataw biex igawdu?
208. Aħna ma qridna ebda belt jekk ma kellhiex min iwissiha,
209. *(biex tkun)* tifkira *(għall-bliet l-oħra biex ma jagħmlux bħalha)*, u ma konniex inġusti *(meta kkastigajna xi belt)*.
210. *(Ma kinux)* ix-xjaten li niżlu bih *(dan il-Qoran, iżda l-anġlu Gabrijel)*,
211. u *(ix-xjaten)* la jixirqilhom u lanqas jistgħu *(jagħmlu ħaġa bħal din)*,
212. għaliex huma tabilħaqq miżmumin milli jisimgħuh *(meta jkun imnebbaħ fis-smewwiet)*!
213. Mela la ssejjaħx *(Muħammad)* lil alla ieħor ma' Alla, u *(b'hekk)* tkun minn dawk li jieħdu l-kastig!
214. U wissi lil eqreb fost qrabatek *(biex ma jaħsbux li, għaliex huma jiġu minnek, se jeħilsu mill-kastig)*.
215. U niżżel ġwenħajk *(bl-umiltà u bil-ħniena kollha)* fuq dawk li jimxu warajk minn fost dawk li jemmnu *(fik, biex tħarishom)*.
216. U jekk ma jobdukx, għid*(ilhom)*: "Jiena ma għandix x'naqsam ma' dak li qegħdin tagħmlu!"
217. U ħalli f'idejn *(Alla)* il-Qawwi, il-Ħanin,
218. li jarak meta tqum *(bil-wieqfa fit-talb)*,
219. u *(jara)* kif titħarrek fost dawk mixħutin fl-art jitolbu.
220. Huwa tabilħaqq jisma' kollox u jaf kollox.
221. Tridu nħabbrilkom fuq min jinżlu x-xjaten?
222. Huma jinżlu fuq kull giddieb ħażin,
223. u jsemmgħuh *(tfesfis qarrieq)*, u ħafna minnhom giddibin.
224. U *(dwar)* il-poeti *(ngħidilkom li)* huma l-mitlufin li jimxu warajhom.
225. Mela ma tarax li dawn jimirħu f'kull wied,
226. u jgħidu dak li *(imbagħad)* ma jagħmlux,
227. ħlief dawk li jemmnu, jagħmlu l-ġid, jiftakru ħafna f'Alla, u jħarsu lilhom infushom *(bil-poeżija tagħhom mill-għedewwa ta' l-Islam)* wara li tkun saret inġustizzja magħhom. U l-inġusti *(dalwaqt)* se jkunu jafu fejn se jsibu rwieħhom!

بسم الله الرحمن الرحيم

نصف الحزب 38

طسٓ ۚ تِلۡكَ ءَايَٰتُ ٱلۡقُرۡءَانِ وَكِتَابٖ مُّبِينٍ ١ هُدٗى وَبُشۡرَىٰ
لِلۡمُؤۡمِنِينَ ٢ ٱلَّذِينَ يُقِيمُونَ ٱلصَّلَوٰةَ وَيُؤۡتُونَ ٱلزَّكَوٰةَ وَهُم
بِٱلۡأٓخِرَةِ هُمۡ يُوقِنُونَ ٣ إِنَّ ٱلَّذِينَ لَا يُؤۡمِنُونَ بِٱلۡأٓخِرَةِ زَيَّنَّا لَهُمۡ
أَعۡمَٰلَهُمۡ فَهُمۡ يَعۡمَهُونَ ٤ أُوْلَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ لَهُمۡ سُوٓءُ ٱلۡعَذَابِ
وَهُمۡ فِي ٱلۡأٓخِرَةِ هُمُ ٱلۡأَخۡسَرُونَ ٥ وَإِنَّكَ لَتُلَقَّى ٱلۡقُرۡءَانَ مِن
لَّدُنۡ حَكِيمٍ عَلِيمٍ ٦ إِذۡ قَالَ مُوسَىٰ لِأَهۡلِهِۦٓ إِنِّيٓ ءَانَسۡتُ نَارٗا سَـَٔاتِيكُم
مِّنۡهَا بِخَبَرٍ أَوۡ ءَاتِيكُم بِشِهَابٖ قَبَسٖ لَّعَلَّكُمۡ تَصۡطَلُونَ ٧ فَلَمَّا
جَآءَهَا نُودِيَ أَنۢ بُورِكَ مَن فِي ٱلنَّارِ وَمَنۡ حَوۡلَهَا وَسُبۡحَٰنَ ٱللَّهِ رَبِّ
ٱلۡعَٰلَمِينَ ٨ يَٰمُوسَىٰٓ إِنَّهُۥٓ أَنَا ٱللَّهُ ٱلۡعَزِيزُ ٱلۡحَكِيمُ ٩ وَأَلۡقِ عَصَاكَۚ
فَلَمَّا رَءَاهَا تَهۡتَزُّ كَأَنَّهَا جَآنّٞ وَلَّىٰ مُدۡبِرٗا وَلَمۡ يُعَقِّبۡۚ يَٰمُوسَىٰ لَا تَخَفۡ
إِنِّي لَا يَخَافُ لَدَيَّ ٱلۡمُرۡسَلُونَ ١٠ إِلَّا مَن ظَلَمَ ثُمَّ بَدَّلَ حُسۡنَۢا بَعۡدَ
سُوٓءٖ فَإِنِّي غَفُورٞ رَّحِيمٞ ١١ وَأَدۡخِلۡ يَدَكَ فِي جَيۡبِكَ تَخۡرُجۡ بَيۡضَآءَ
مِنۡ غَيۡرِ سُوٓءٖۖ فِي تِسۡعِ ءَايَٰتٍ إِلَىٰ فِرۡعَوۡنَ وَقَوۡمِهِۦٓۚ إِنَّهُمۡ كَانُواْ قَوۡمٗا فَٰسِقِينَ
١٢ فَلَمَّا جَآءَتۡهُمۡ ءَايَٰتُنَا مُبۡصِرَةٗ قَالُواْ هَٰذَا سِحۡرٞ مُّبِينٞ ١٣

27. *Sūratu n-Naml*

(Suret in-Nemel – Niżlet f'Mekka bi 93 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Ṭā'. Sīn.* Dawn huma l-versi tal-Qoran, u Ktieb ċar;
2. tmexxija u bxara tajba għal dawk li jemmnu,
3. li jagħmlu t-talb, jagħtu l-karità, u jemmnu sħiħ fil-Ħajja l-Oħra.
4. Tabilħaqq li lil dawk li ma jemmnux fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)* żejjinnielhom l-għemejjel *(koroh u ħżiena)* tagħhom *(u għalhekk)* jinsabu mitlufin bħall-għomja.
5. Huma dawk li għandhom *(jistenniehom)* kastig mill-agħar *(f'din id-dinja)*, u fl-Oħra huma l-aktar tellifin *(għaliex il-kastig se jkun għal dejjem)*.
6. Tassew li inti *(Muħammad)* qiegħed tingħata *(dan)* il-*Qoran* mingħand Wieħed Għaref, jaf kollox!
7. *(Ftakar)* meta Mosè qal lil niesu: "Jiena qiegħed nilmaħ nar. Minnu se ngħibilkom aħbar *(dwar fejn ninsabu)*, jew inġibilkom zokk imkebbes *(minnu)* biex forsi tiskħnu *(madwaru)*."
8. U meta *(Mosè)* wasal ħdejh, huwa ssejjaħ *(u ntqal lilu hekk)*: "Imbierek min jinsab ħdejn in-nar *(Mosè)*, u min jinsab madwaru *(l-anġli u nies Mosè)*, u sebħ lil Alla Sid il-ħolqien!
9. Ja Mosè, huwa Jiena tabilħaqq: Alla, il-Qawwi, l-Għaref!
10. Ixħet il-ħatar tiegħek!" U meta *(Mosè lil ħatar)* rah jitħarrek *(bil-ħeffa)* bħal lifgħa, huwa ħarab u ta dahru *(mbeżża')*, u ma reġax lura. *(Iżda Alla sejjaħlu lura u qallu)*: "Mosè, la tibżax! Miegħi ma jibżgħux il-Mibgħutin,
11. ħlief min għamel il-ħażen, imbagħad biddel il-ħażen fit-tajjeb. Jiena tabilħaqq kollni maħfra, Ħanin.
12. Daħħal idek f'ħobbok *(u ara)* toħroġ bajda *(silġ u tiddi)* mingħajr ħsara; *(dawn huma)* fost id-disa' sinjali għall-Fargħun u niesu. Huma tabilħaqq nies ħżiena!"
13. U meta ġewhom is-sinjali tagħna fid-dieher, *(il-Fargħun u niesu)* qalu: "Dan seħer fid-dieher!"

وَجَحَدُوا۟ بِهَا وَٱسْتَيْقَنَتْهَآ أَنفُسُهُمْ ظُلْمًا وَعُلُوًّا ۚ فَٱنظُرْ كَيْفَ
كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلْمُفْسِدِينَ ﴿14﴾ وَلَقَدْ ءَاتَيْنَا دَاوُۥدَ وَسُلَيْمَٰنَ عِلْمًا ۖ
وَقَالَا ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ ٱلَّذِى فَضَّلَنَا عَلَىٰ كَثِيرٍ مِّنْ عِبَادِهِ ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿15﴾
وَوَرِثَ سُلَيْمَٰنُ دَاوُۥدَ ۖ وَقَالَ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ عُلِّمْنَا مَنطِقَ ٱلطَّيْرِ
وَأُوتِينَا مِن كُلِّ شَىْءٍ ۖ إِنَّ هَٰذَا لَهُوَ ٱلْفَضْلُ ٱلْمُبِينُ ﴿16﴾ وَحُشِرَ
لِسُلَيْمَٰنَ جُنُودُهُۥ مِنَ ٱلْجِنِّ وَٱلْإِنسِ وَٱلطَّيْرِ فَهُمْ يُوزَعُونَ ﴿17﴾
حَتَّىٰٓ إِذَآ أَتَوْا۟ عَلَىٰ وَادِ ٱلنَّمْلِ قَالَتْ نَمْلَةٌ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّمْلُ ٱدْخُلُوا۟
مَسَٰكِنَكُمْ لَا يَحْطِمَنَّكُمْ سُلَيْمَٰنُ وَجُنُودُهُۥ وَهُمْ لَا يَشْعُرُونَ
﴿18﴾ فَتَبَسَّمَ ضَاحِكًا مِّن قَوْلِهَا وَقَالَ رَبِّ أَوْزِعْنِىٓ أَنْ أَشْكُرَ
نِعْمَتَكَ ٱلَّتِىٓ أَنْعَمْتَ عَلَىَّ وَعَلَىٰ وَٰلِدَىَّ وَأَنْ أَعْمَلَ صَٰلِحًا
تَرْضَىٰهُ وَأَدْخِلْنِى بِرَحْمَتِكَ فِى عِبَادِكَ ٱلصَّٰلِحِينَ ﴿19﴾
وَتَفَقَّدَ ٱلطَّيْرَ فَقَالَ مَا لِىَ لَآ أَرَى ٱلْهُدْهُدَ أَمْ كَانَ مِنَ
ٱلْغَآئِبِينَ ﴿20﴾ لَأُعَذِّبَنَّهُۥ عَذَابًا شَدِيدًا أَوْ لَأَا۟ذْبَحَنَّهُۥٓ
أَوْ لَيَأْتِيَنِّى بِسُلْطَٰنٍ مُّبِينٍ ﴿21﴾ فَمَكَثَ غَيْرَ بَعِيدٍ فَقَالَ
أَحَطتُ بِمَا لَمْ تُحِطْ بِهِۦ وَجِئْتُكَ مِن سَبَإٍۭ بِنَبَإٍ يَقِينٍ ﴿22﴾

14. Huma ċaħduhom, b'inġustizzja u b'arroganza, minkejja li fihom infushom kienu emmnu sew *(f'dawk is-sinjali)*. Mela ara kif kien it-tmiem ta' nies il-ħsara!
15. Tassew li lil David u lil Salamun tajniehom għarfien, u huma t-tnejn qalu: "Ikun imfaħħar Alla li ppreferiena minn ħafna mill-qaddejja tiegħu li jemmnu!"
16. Salamun wiret lil David u qal: "Ja nies, aħna konna mgħallmin ilsien it-tajr, u ngħatajna minn kollox. Din tassew hija t-tjieba fid-dieher!"
17. U nġabru għal Salamun il-qawwiet tiegħu *(magħmula)* mill-*ġinn*, min-nies, u mit-tajr, u baqgħu saff saff wara xulxin *(fil-mixi tagħhom)*.
18. U meta ġew f'Wied in-Nemel, nemla *(minnhom)* qalet: "Ja nemel, idħlu fil-bejtiet tagħkom li ma jgħaffġukomx Salamun u l-qawwiet tiegħu, mingħajr ma jintebħu *(mhux għaliex iridu jirfsukom)*!"
19. *(Salamun)* tbissem, daħak għal kliemha u qal: "Sidi *(il-Mulej)*, ħallini nkun naħulek tal-grazzja tiegħek miegħi, ma' missieri u ma' ommi, u nagħmel il-ġid li jkun jogħġbok, u bil-Ħniena tiegħek daħħalni fost il-qaddejja ġusti tiegħek."
20. U *(Salamun)* spezzjona t-tajr, u qal: "Għaliex m'iniex nara d-daqquqa tat-toppu? Jaqaw mhux hawn *(u telqet mingħajr il-permess tiegħi)*?
21. Tassew nagħtiha kastig kbir, jew tassew noqtolha, ħlief jekk tiġini b'raġuni tajba *(għaliex ma hijiex qiegħda hawn)*!"
22. *(Id-daqquqa tat-toppu)* ma damitx imbiegħda, u qalet: "Sirt naf b'dak li inti *(Salamun, fl-għerf tiegħek kollu)* ma tafx, u ġejt għandek minn *(art)* Saba *(fil-Jemen)* b'aħbar li tista' toqgħod fuqha.

إِنِّي وَجَدتُّ ٱمْرَأَةً تَمْلِكُهُمْ وَأُوتِيَتْ مِن كُلِّ شَيْءٍ وَلَهَا
عَرْشٌ عَظِيمٌ ﴿23﴾ وَجَدتُّهَا وَقَوْمَهَا يَسْجُدُونَ لِلشَّمْسِ مِن
دُونِ ٱللَّهِ وَزَيَّنَ لَهُمُ ٱلشَّيْطَٰنُ أَعْمَٰلَهُمْ فَصَدَّهُمْ عَنِ ٱلسَّبِيلِ
فَهُمْ لَا يَهْتَدُونَ ﴿24﴾ أَلَّا يَسْجُدُوا۟ لِلَّهِ ٱلَّذِى يُخْرِجُ ٱلْخَبْءَ
فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَيَعْلَمُ مَا تُخْفُونَ وَمَا تُعْلِنُونَ ﴿25﴾ ٱللَّهُ
لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ رَبُّ ٱلْعَرْشِ ٱلْعَظِيمِ ﴿26﴾ قَالَ سَنَنظُرُ
أَصَدَقْتَ أَمْ كُنتَ مِنَ ٱلْكَٰذِبِينَ ﴿27﴾ ٱذْهَب بِّكِتَٰبِى هَٰذَا
فَأَلْقِهْ إِلَيْهِمْ ثُمَّ تَوَلَّ عَنْهُمْ فَٱنظُرْ مَاذَا يَرْجِعُونَ ﴿28﴾ قَالَتْ يَٰٓأَيُّهَا
ٱلْمَلَؤُا۟ إِنِّىٓ أُلْقِىَ إِلَىَّ كِتَٰبٌ كَرِيمٌ ﴿29﴾ إِنَّهُۥ مِن سُلَيْمَٰنَ وَإِنَّهُۥ بِسْمِ
ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ ﴿30﴾ أَلَّا تَعْلُوا۟ عَلَىَّ وَأْتُونِى مُسْلِمِينَ ﴿31﴾
قَالَتْ يَٰٓأَيُّهَا ٱلْمَلَؤُا۟ أَفْتُونِى فِىٓ أَمْرِى مَا كُنتُ قَاطِعَةً أَمْرًا حَتَّىٰ
تَشْهَدُونِ ﴿32﴾ قَالُوا۟ نَحْنُ أُو۟لُوا۟ قُوَّةٍ وَأُو۟لُوا۟ بَأْسٍ شَدِيدٍ وَٱلْأَمْرُ إِلَيْكِ
فَٱنظُرِى مَاذَا تَأْمُرِينَ ﴿33﴾ قَالَتْ إِنَّ ٱلْمُلُوكَ إِذَا دَخَلُوا۟ قَرْيَةً
أَفْسَدُوهَا وَجَعَلُوٓا۟ أَعِزَّةَ أَهْلِهَآ أَذِلَّةً ۖ وَكَذَٰلِكَ يَفْعَلُونَ ﴿34﴾
وَإِنِّى مُرْسِلَةٌ إِلَيْهِم بِهَدِيَّةٍ فَنَاظِرَةٌۢ بِمَ يَرْجِعُ ٱلْمُرْسَلُونَ ﴿35﴾

ثلاثة أرباع الحزب 38 سجدة

23. Jiena tabilħaqq sibt mara ssaltan fuqhom, li ngħatat minn kollox, u għandha tron kbir *(mill-isbaħ)*.
24. Sibt lilha u lil niesha mixħutin fl-art iqimu lix-xemx, minflok lil Alla, u x-Xitan żejnilhom l-għemejjel *(fiergħa)* tagħhom *(biex b'hekk ħasbu li qegħdin jagħmlu sew)* u żammhom mit-triq *(it-tajba)*. Għalhekk ma humiex mexjin sew,
25. għaliex ma jqimux lil Alla, *(Dak)* li joħroġ *(fid-dieher kulma hu)* moħbi fis-smewwiet u fl-art, u li jaf dak li taħbu u dak li turu fil-beraħ.
26. Alla ma hemmx alla *(ieħor)* ħliefu – Sid it-Tron il-kbir!"
27. Qal *(Salamun lid-daqquqa tat-toppu)*: "Se naraw jekk għedtx is-sewwa, jew intix mill-giddibin!
28. Mur b'dan il-messaġġ tiegħi *(f'art Saba)* u wassalhulhom, imbagħad warrab minn ħdejhom u ara x'se jwieġbu."
29. *(Is-sultana)* qalet: "Ja kbarat, wasalli tabilħaqq messaġġ ta' ġieħ.
30. Tabilħaqq huwa *(messaġġ)* minn Salamun u *(jgħid hekk)*: 'F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.
31. Togħlewx fuqi, u ejjew għandi ta' Misilmin *(mitluqin f'idejn Alla)*!'"
32. Qalet *(is-sultana)*: "Ja kbarat, għiduli x'għandi nagħmel f'din il-ħaġa tiegħi, *(għaliex)* jiena ma naqta' xejn mingħajr ma tkunu preżenti miegħi *(u tgħiduli x'inhu l-aħjar li jsir)*!"
33. Qalu*(lha)*: "Aħna nies ta' qawwa u qilla kbira *(fit-taqbid)*, iżda l-amar f'idejk! Mela ara xi trid tamar *(u aħna nagħmlu li tqabbadna)*!"
34. Qalet: "Meta s-slaten jidħlu f'xi belt huma jħarbtuha u jkasbru lill-aqwa fost niesha. Hekk jagħmlu.
35. Jiena tabilħaqq se nibagħtilhom rigal u *(imbagħad)* nara b'xiex se jiġu lura l-mibgħutin."

فَلَمَّا جَآءَ سُلَيْمَٰنَ قَالَ أَتُمِدُّونَنِ بِمَالٍ فَمَآ ءَاتَىٰنِۦَ ٱللَّهُ خَيْرٌ مِّمَّآ
ءَاتَىٰكُم بَلْ أَنتُم بِهَدِيَّتِكُمْ تَفْرَحُونَ ﴿36﴾ ٱرْجِعْ إِلَيْهِمْ فَلَنَأْتِيَنَّهُمْ
بِجُنُودٍ لَّا قِبَلَ لَهُم بِهَا وَلَنُخْرِجَنَّهُم مِّنْهَآ أَذِلَّةً وَهُمْ صَٰغِرُونَ ﴿37﴾ قَالَ
يَٰٓأَيُّهَا ٱلْمَلَؤُا۟ أَيُّكُمْ يَأْتِينِى بِعَرْشِهَا قَبْلَ أَن يَأْتُونِى مُسْلِمِينَ ﴿38﴾
قَالَ عِفْرِيتٌ مِّنَ ٱلْجِنِّ أَنَا۠ ءَاتِيكَ بِهِۦ قَبْلَ أَن تَقُومَ مِن مَّقَامِكَ ۖ وَإِنِّى
عَلَيْهِ لَقَوِىٌّ أَمِينٌ ﴿39﴾ قَالَ ٱلَّذِى عِندَهُۥ عِلْمٌ مِّنَ ٱلْكِتَٰبِ أَنَا۠ ءَاتِيكَ
بِهِۦ قَبْلَ أَن يَرْتَدَّ إِلَيْكَ طَرْفُكَ ۚ فَلَمَّا رَءَاهُ مُسْتَقِرًّا عِندَهُۥ قَالَ هَٰذَا
مِن فَضْلِ رَبِّى لِيَبْلُوَنِىٓ ءَأَشْكُرُ أَمْ أَكْفُرُ ۖ وَمَن شَكَرَ فَإِنَّمَا يَشْكُرُ
لِنَفْسِهِۦ ۖ وَمَن كَفَرَ فَإِنَّ رَبِّى غَنِىٌّ كَرِيمٌ ﴿40﴾ قَالَ نَكِّرُوا۟ لَهَا عَرْشَهَا
نَنظُرْ أَتَهْتَدِىٓ أَمْ تَكُونُ مِنَ ٱلَّذِينَ لَا يَهْتَدُونَ ﴿41﴾ فَلَمَّا جَآءَتْ قِيلَ
أَهَٰكَذَا عَرْشُكِ ۖ قَالَتْ كَأَنَّهُۥ هُوَ ۚ وَأُوتِينَا ٱلْعِلْمَ مِن قَبْلِهَا وَكُنَّا مُسْلِمِينَ
﴿42﴾ وَصَدَّهَا مَا كَانَت تَّعْبُدُ مِن دُونِ ٱللَّهِ ۖ إِنَّهَا كَانَتْ مِن قَوْمٍ كَٰفِرِينَ
﴿43﴾ قِيلَ لَهَا ٱدْخُلِى ٱلصَّرْحَ ۖ فَلَمَّا رَأَتْهُ حَسِبَتْهُ لُجَّةً وَكَشَفَتْ عَن
سَاقَيْهَا ۚ قَالَ إِنَّهُۥ صَرْحٌ مُّمَرَّدٌ مِّن قَوَارِيرَ ۗ قَالَتْ رَبِّ إِنِّى
ظَلَمْتُ نَفْسِى وَأَسْلَمْتُ مَعَ سُلَيْمَٰنَ لِلَّهِ رَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿44﴾

36. Meta *(il-mibgħut tas-sultana ta' Saba)* ġie għand Salamun *(bir-rigal tagħha, Salamun)* qal: "Qegħdin tagħtuni *(dan)* il-ġid meta dak li tani Alla huwa aħjar milli ta lilkom? Le! Intom tifirħu bir-rigal tagħkom *(għaliex intom nies li tħobbu l-ġid ta' din id-dinja)*.

37. Erġa' lura għandhom! Aħna tassew niġu għalihom b'qawwiet li *(nieskom)* ma jkunux jistgħu għalihom, u noħorġuhom imkasbrin minn hemm *(minn Saba)*, u huma jkunu mċekknin!"

38. Qal *(Salamun)*: "Ja kbarat, min minnkom iġibli t-tron tagħha, qabel ma jiġu għandi, lesti li joqogħdu għalija?"

39. Għafrit minn fost il-*ġinn* qal: "Jiena nġibhulek qabel ma tqum minn postok *(minn fuq it-tron tiegħek illejla)*! Jiena tabilħaqq qawwi *(biżżejjed)* għalih *(it-tron u nifilħu)* u tista' tafdani."

40. Dak li kellu għarfien mill-Ktieb qal: "Jiena nġibhulek, f'tebqa ta' għajn minn tiegħek!" U meta *(Salamun)* rah imqiegħed fis-sod quddiemu, qal: "Dan *(kollu ġej)* mit-tjieba ta' Sidi *(il-Mulej)*, biex iġarrabni *(u jara)* jekk niżżix ħajr, jew inkunx ingrat. U min jiżżi ħajr *(lil Alla)*, jiżżi ħajr għalih innifsu *(u għall-ġid tiegħu)*, u min ikun ingrat, *(għandu jkun jaf li)* Alla ma jonqsu xejn, u Wisq Ġeneruż!"

41. Qal*(ilhom Salamun)*: "Agħmlulha t-tron tagħha b'mod li ma tagħrfux u naraw jekk tasalx għas-sewwa, jew tkunx minn dawk li ma jaslux għalih."

42. Għalhekk meta *(is-sultana ta' Saba)* ġiet *(fil-palazz ta' Salamun)* intqal*(ilha)*: "Jaqaw it-tron tiegħek huwa hekk *(bħal dan)*?" Qalet: "Qisu hu!" *(Imbagħad Salamun qal)*: "Diġà ngħatajna l-għarfien qabilha, u aħna ntlaqna f'idejn Alla, Misilmin,

43. *(filwaqt li)* dak li din *(is-sultana)* kienet tqim, minflok Alla, żammha lura *(mit-twemmin safi)*. Hija tabilħaqq kienet *(ġejja)* minn nies bla twemmin."

44. Intqalilha: "Idħol fil-palazz!" U meta ratu ħasbitu baħar kbir, u kixfet saqajha *(biex tinżel fih)*. Qalilha *(Salamun)*: "Dan palazz miksi b'madum tal-ħġieġ." Hija qalet: "Sidi, jiena tabilħaqq inqast lejja nnifsi *(meta tajt qima lill-idoli)*! U *(issa)*, ma' Salamun, noqgħod għal Alla Sid il-ħolqien."

وَلَقَدْ أَرْسَلْنَآ إِلَىٰ ثَمُودَ أَخَاهُمْ صَٰلِحًا أَنِ ٱعْبُدُوا۟ ٱللَّهَ فَإِذَا
هُمْ فَرِيقَانِ يَخْتَصِمُونَ ﴿45﴾ قَالَ يَٰقَوْمِ لِمَ تَسْتَعْجِلُونَ
بِٱلسَّيِّئَةِ قَبْلَ ٱلْحَسَنَةِ ۖ لَوْلَا تَسْتَغْفِرُونَ ٱللَّهَ لَعَلَّكُمْ
تُرْحَمُونَ ﴿46﴾ قَالُوا۟ ٱطَّيَّرْنَا بِكَ وَبِمَن مَّعَكَ ۚ قَالَ طَٰٓئِرُكُمْ
عِندَ ٱللَّهِ ۖ بَلْ أَنتُمْ قَوْمٌ تُفْتَنُونَ ﴿47﴾ وَكَانَ فِى ٱلْمَدِينَةِ تِسْعَةُ
رَهْطٍ يُفْسِدُونَ فِى ٱلْأَرْضِ وَلَا يُصْلِحُونَ ﴿48﴾ قَالُوا۟
تَقَٰسَمُوا۟ بِٱللَّهِ لَنُبَيِّتَنَّهُۥ وَأَهْلَهُۥ ثُمَّ لَنَقُولَنَّ لِوَلِيِّهِۦ مَا شَهِدْنَا
مَهْلِكَ أَهْلِهِۦ وَإِنَّا لَصَٰدِقُونَ ﴿49﴾ وَمَكَرُوا۟ مَكْرًا
وَمَكَرْنَا مَكْرًا وَهُمْ لَا يَشْعُرُونَ ﴿50﴾ فَٱنظُرْ كَيْفَ
كَانَ عَٰقِبَةُ مَكْرِهِمْ أَنَّا دَمَّرْنَٰهُمْ وَقَوْمَهُمْ أَجْمَعِينَ
﴿51﴾ فَتِلْكَ بُيُوتُهُمْ خَاوِيَةًۢ بِمَا ظَلَمُوٓا۟ ۗ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ
لَءَايَةً لِّقَوْمٍ يَعْلَمُونَ ﴿52﴾ وَأَنجَيْنَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟
وَكَانُوا۟ يَتَّقُونَ ﴿53﴾ وَلُوطًا إِذْ قَالَ لِقَوْمِهِۦٓ
أَتَأْتُونَ ٱلْفَٰحِشَةَ وَأَنتُمْ تُبْصِرُونَ ﴿54﴾ أَئِنَّكُمْ لَتَأْتُونَ
ٱلرِّجَالَ شَهْوَةً مِّن دُونِ ٱلنِّسَآءِ ۚ بَلْ أَنتُمْ قَوْمٌ تَجْهَلُونَ ﴿55﴾

45. Aħna tassew bgħatna *(ukoll)* għand nies Ṯamūd lil ħuhom Ṣāliħ *(li qalilhom)*: "Qimu lil Alla!" Iżda huma kienu *(maqsumin)* f'żewġ ġemgħat jitlewmu bejniethom *(uħud jemmnu u oħrajn ma jemmnux)*.

46. Qal*(ilhom Ṣāliħ)*: "Ja niesi, għaliex tridu tgħaġġlu l-ħażin *(il-kastig)* qabel it-tajjeb *(il-ħniena ta' Alla)*? Mhux li kontu titolbu maħfra mingħand Alla, biex forsi ssir ħniena magħkom!"

47. Qalu*(lu)*: "Inti u min għandek miegħek iġġibulna riżq ħażin *(u għalhekk hawn nixfa u waqa' ġuħ kbir)*!" Qal*(ilhom Ṣāliħ)*: "Ir-riżq tagħkom jinsab f'idejn Alla. M'intomx ħlief nies li qegħdin tiġġarrbu *(mit-tfesfis tax-Xitan, u għalhekk qegħdin tgħidu dan il-kliem)*."

48. U fil-belt *(ta' 'al-Ħiġr)* kien hemm disat irġiel li kienu qegħdin jagħmlu ħsara fuq l-art, u mhux il-ġid.

49. Huma qalu: "Ejjew naħilfu lil xulxin, fuq Alla, li tassew naħbtu għalih u għal niesu billejl, *(noqtluhom u)* imbagħad tassew ngħidu lil qrabatu: 'Aħna ma konniex xhieda tal-qerda *(ta' Ṣāliħ u)* ta' niesu, *(lanqas ma rajna min qatilhom)*, u qegħdin ngħidu s-sewwa!'"

50. Huma nassu *(bejniethom biex joqtlu lil Ṣāliħ)*, u Aħna *(ukoll)* nassasna *(kontrihom u għaġġilnielhom il-kastig tagħhom)* filwaqt li huma ma ntebħux *(meta u kif se jkun il-kastig)*.

51. Ara *(Muħammad)* kif kien it-tmiem tat-tnassis tagħhom: Aħna qridna lilhom u lil nieshom kollha!

52. Għalhekk dawk huma djarhom, battala *(u mġarrfa)*, talli għamlu l-ħażen. Tabilħaqq li f'dan hawn sinjal għal nies li jafu!

53. U ħlisna lil dawk li emmnu *(flimkien ma' Ṣāliħ)* u kienu jibżgħu minn Alla.

54. *(Ftakar fil-Profeta)* Lot, meta qal lil niesu: "Jaqaw qegħdin tersqu lejn il-faħx b'għajnejkom miftuħa?

55. Intom qegħdin tersqu lejn l-irġiel, mixtiqin *(għalihom)*, minflok *(ma tersqu)* lejn in-nisa *(tagħkom)*. Le, *(ma hemmx kliem ieħor:)* intom nies ta' injuranza *(kbira)*!"

۞ فَمَا كَانَ جَوَابَ قَوْمِهِۦٓ إِلَّآ أَن قَالُوٓا۟ أَخْرِجُوٓا۟ ءَالَ
لُوطٍ مِّن قَرْيَتِكُمْ ۖ إِنَّهُمْ أُنَاسٌ يَتَطَهَّرُونَ ﴿56﴾ فَأَنجَيْنَٰهُ
وَأَهْلَهُۥٓ إِلَّا ٱمْرَأَتَهُۥ قَدَّرْنَٰهَا مِنَ ٱلْغَٰبِرِينَ ﴿57﴾ وَأَمْطَرْنَا
عَلَيْهِم مَّطَرًا ۖ فَسَآءَ مَطَرُ ٱلْمُنذَرِينَ ﴿58﴾ قُلِ ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ وَسَلَٰمٌ
عَلَىٰ عِبَادِهِ ٱلَّذِينَ ٱصْطَفَىٰٓ ۗ ءَآللَّهُ خَيْرٌ أَمَّا يُشْرِكُونَ ﴿59﴾
أَمَّنْ خَلَقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ وَأَنزَلَ لَكُم مِّنَ ٱلسَّمَآءِ
مَآءً فَأَنۢبَتْنَا بِهِۦ حَدَآئِقَ ذَاتَ بَهْجَةٍ مَّا كَانَ لَكُمْ
أَن تُنۢبِتُوا۟ شَجَرَهَآ ۗ أَءِلَٰهٌ مَّعَ ٱللَّهِ ۚ بَلْ هُمْ قَوْمٌ يَعْدِلُونَ ﴿60﴾
أَمَّن جَعَلَ ٱلْأَرْضَ قَرَارًا وَجَعَلَ خِلَٰلَهَآ أَنْهَٰرًا وَجَعَلَ لَهَا
رَوَٰسِىَ وَجَعَلَ بَيْنَ ٱلْبَحْرَيْنِ حَاجِزًا ۗ أَءِلَٰهٌ مَّعَ ٱللَّهِ ۚ بَلْ
أَكْثَرُهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿61﴾ أَمَّن يُجِيبُ ٱلْمُضْطَرَّ إِذَا دَعَاهُ
وَيَكْشِفُ ٱلسُّوٓءَ وَيَجْعَلُكُمْ خُلَفَآءَ ٱلْأَرْضِ ۗ أَءِلَٰهٌ
مَّعَ ٱللَّهِ ۚ قَلِيلًا مَّا تَذَكَّرُونَ ﴿62﴾ أَمَّن يَهْدِيكُمْ فِى
ظُلُمَٰتِ ٱلْبَرِّ وَٱلْبَحْرِ وَمَن يُرْسِلُ ٱلرِّيَٰحَ بُشْرًۢا بَيْنَ يَدَىْ
رَحْمَتِهِۦٓ ۗ أَءِلَٰهٌ مَّعَ ٱللَّهِ ۚ تَعَٰلَى ٱللَّهُ عَمَّا يُشْرِكُونَ ﴿63﴾

56. U t-tweġiba ta' niesu ma kinitx għajr li qalu: "Keċċu lil nies Lot mill-belt tagħkom! Tabilħaqq huma nies li jissaffew."

57. U ħlisna lilu u lil familtu, ħlief lil martu. Aħna qtajnieha li hi tkun mill-meqrudin!

58. U niżżilna fuqhom xita *(kbira ta' ġebel u kubrit)*, u mill-agħar ix-xita ta' l-imwissijin!

59. Għid *(Muħammad)*: "Tifħir lil Alla, u sliem fuq il-qaddejja tiegħu li għażel!" Jaqaw Alla huwa aħjar, jew dawk *(l-idoli)* li jxierku *(miegħu, li la jaraw u lanqas jisimgħu)*?

60. Jew min ħalaq is-smewwiet u l-art, u niżżlilkom ilma mis-sema? Bih nibbitna *(u kabbarna)* ġonna sbieħ, *(filwaqt li intom)* ma għandkomx il-ħila tnibbtu s-siġar tagħhom. Jaqaw hemm xi alla *(ieħor)* ma' Alla *(li għamel dan)*? Le *(ma hemmx)*, imma huma nies li jqisu lil Alla u lill-idoli ndaqs.

61. Jew min qiegħed l-art fis-sod *(biex tgħixu fuqha)*, għadda xmajjar minnha, għamel fiha iġbla ma jitħarrkux, u għamel ilqugħ bejn iż-żewġt ibħra *(biex l-ilma ħelu ma jitħallatx mal-mielaħ)*? Jaqaw hemm xi alla *(ieħor)* ma' Alla *(li għamel dan)*? Le *(ma hemmx)*, iżda ħafna minnhom ma jafux.

62. Jew min iwieġeb lil min jinsab fil-ħtieġa, meta jsejjaħlu, ineħħi l-ħażen *(li jkun fih)* u jagħmel minnkom werrieta ta' l-art? Jaqaw hemm xi alla *(ieħor)* ma' Alla *(li għamel dan)*? Ftit tiftakru!

63. Jew min imexxikom *(waqt is-safar tagħkom)* fid-dalmiet ta' l-art u l-baħar, u min jibgħat ir-riħ bi bxara tajba qabel il-ħniena tiegħu *(ix-xita)*? Jaqaw hemm xi alla *(ieħor)* ma' Alla *(li għamel dan)*? Alla huwa ogħla minn dak li jxierku miegħu.

أَمَّن يَبْدَؤُا۟ ٱلْخَلْقَ ثُمَّ يُعِيدُهُۥ وَمَن يَرْزُقُكُم مِّنَ ٱلسَّمَآءِ وَٱلْأَرْضِ ۗ
أَءِلَٰهٌ مَّعَ ٱللَّهِ ۚ قُلْ هَاتُوا۟ بُرْهَٰنَكُمْ إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ ﴿64﴾
قُل لَّا يَعْلَمُ مَن فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ٱلْغَيْبَ إِلَّا ٱللَّهُ ۚ وَمَا يَشْعُرُونَ
أَيَّانَ يُبْعَثُونَ ﴿65﴾ بَلِ ٱدَّٰرَكَ عِلْمُهُمْ فِى ٱلْءَاخِرَةِ ۚ بَلْ هُمْ
فِى شَكٍّ مِّنْهَا ۖ بَلْ هُم مِّنْهَا عَمُونَ ﴿66﴾ وَقَالَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟
أَءِذَا كُنَّا تُرَٰبًا وَءَابَآؤُنَآ أَئِنَّا لَمُخْرَجُونَ ﴿67﴾ لَقَدْ وُعِدْنَا
هَٰذَا نَحْنُ وَءَابَآؤُنَا مِن قَبْلُ إِنْ هَٰذَآ إِلَّآ أَسَٰطِيرُ ٱلْأَوَّلِينَ ﴿68﴾
قُلْ سِيرُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ فَٱنظُرُوا۟ كَيْفَ كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلْمُجْرِمِينَ
﴿69﴾ وَلَا تَحْزَنْ عَلَيْهِمْ وَلَا تَكُن فِى ضَيْقٍ مِّمَّا يَمْكُرُونَ ﴿70﴾
وَيَقُولُونَ مَتَىٰ هَٰذَا ٱلْوَعْدُ إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ ﴿71﴾ قُلْ عَسَىٰٓ
أَن يَكُونَ رَدِفَ لَكُم بَعْضُ ٱلَّذِى تَسْتَعْجِلُونَ ﴿72﴾ وَإِنَّ رَبَّكَ
لَذُو فَضْلٍ عَلَى ٱلنَّاسِ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَهُمْ لَا يَشْكُرُونَ ﴿73﴾ وَإِنَّ
رَبَّكَ لَيَعْلَمُ مَا تُكِنُّ صُدُورُهُمْ وَمَا يُعْلِنُونَ ﴿74﴾ وَمَا مِنْ غَآئِبَةٍ
فِى ٱلسَّمَآءِ وَٱلْأَرْضِ إِلَّا فِى كِتَٰبٍ مُّبِينٍ ﴿75﴾ إِنَّ هَٰذَا ٱلْقُرْءَانَ
يَقُصُّ عَلَىٰ بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ أَكْثَرَ ٱلَّذِى هُمْ فِيهِ يَخْتَلِفُونَ ﴿76﴾

64. Jew min jibda l-ħolqien, u mbagħad jerġa' jibdieh *(wara li dan jintemm)*, u min jgħajjixkom mis-smewwiet *(bix-xita li jinżel minnhom)* u mill-art *(bil-ħxejjex li jikbru fiha)*? Jaqaw hemm xi alla *(ieħor)* ma' Alla *(li għamel dan)*? Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ġibu l-prova tagħkom, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa!"

65. Għid*(ilhom ukoll)*: "Ħadd minn dawk li huma fis-smewwiet u fl-art ma jafu l-mistur, ħlief Alla, u ma jafux meta jitqajmu mill-mewt."

66. Le! L-għarfien tagħhom ma jasalx *(biex jifhem il-Ħajja)* l-Oħra, anzi huma jinsabu bejn ħalltejn dwarha. Mhux biss talli huma għomja għaliha *(għaliex ma jridux jafu biha)*.

67. Dawk li ċaħdu t-twemmin jgħidu: "Jaqaw, meta nsiru trab, flimkien ma' missirijietna, aħna tabilħaqq se nitqajmu *(mill-mewt)*?

68. Aħna u missirijietna tassew konna diġà mwegħdin dan qabel. Dawn huma biss stejjer ta' nies il-qedem!"

69. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Terrqu fl-art u araw kif kien tmiem il-ħatjin *(li giddbu lill-Profeti)*!"

70. La titnikkitx għalihom, u la tkunx f'diqa minħabba dak li *(il-pagani u dawk li ma jemmnux)* inassu *(kontrik, għaliex Alla jħarsek minnu)*.

71. Huma jgħidu *(b'żeblieħ)*: "Meta hija din il-wegħda, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa?"

72. Għid*(ilhom)*: "Għandu mnejn li diġà jinsab riesaq lejkom xi ħaġa minn dak *(il-kastig)* li qegħdin tgħaġġlu."

73. Sidek *(il-Mulej)* tabilħaqq huwa Kollu Tjieba man-nies *(u jdum ma jikkastigahom)*, iżda ħafna minnhom ma jiżżux ħajr.

74. U Sidek tabilħaqq jaf x'hemm mistur fi qlubhom u dak li juru.

75. U ma hemm xejn mistur fis-sema jew fl-art li ma jinsabx fi ktieb ċar.

76. Dan il-Qoran tabilħaqq jgħid lil Ulied Israel il-ġrajja ta' ħafna minn dak li huma ma jaqblux fuqu,

وَإِنَّهُۥ لَهُدًى وَرَحْمَةٌ لِّلْمُؤْمِنِينَ ﴿77﴾ إِنَّ رَبَّكَ يَقْضِى بَيْنَهُم
بِحُكْمِهِۦ ۚ وَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْعَلِيمُ ﴿78﴾ فَتَوَكَّلْ عَلَى ٱللَّهِ ۖ إِنَّكَ عَلَى
ٱلْحَقِّ ٱلْمُبِينِ ﴿79﴾ إِنَّكَ لَا تُسْمِعُ ٱلْمَوْتَىٰ وَلَا تُسْمِعُ ٱلصُّمَّ ٱلدُّعَآءَ
إِذَا وَلَّوْا۟ مُدْبِرِينَ ﴿80﴾ وَمَآ أَنتَ بِهَٰدِى ٱلْعُمْىِ عَن ضَلَٰلَتِهِمْ ۖ إِن
تُسْمِعُ إِلَّا مَن يُؤْمِنُ بِـَٔايَٰتِنَا فَهُم مُّسْلِمُونَ ﴿81﴾ ۞ وَإِذَا
وَقَعَ ٱلْقَوْلُ عَلَيْهِمْ أَخْرَجْنَا لَهُمْ دَآبَّةً مِّنَ ٱلْأَرْضِ تُكَلِّمُهُمْ أَنَّ
ٱلنَّاسَ كَانُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَا لَا يُوقِنُونَ ﴿82﴾ وَيَوْمَ نَحْشُرُ مِن كُلِّ أُمَّةٍ
فَوْجًا مِّمَّن يُكَذِّبُ بِـَٔايَٰتِنَا فَهُمْ يُوزَعُونَ ﴿83﴾ حَتَّىٰٓ إِذَا جَآءُو
قَالَ أَكَذَّبْتُم بِـَٔايَٰتِى وَلَمْ تُحِيطُوا۟ بِهَا عِلْمًا أَمَّاذَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ
﴿84﴾ وَوَقَعَ ٱلْقَوْلُ عَلَيْهِم بِمَا ظَلَمُوا۟ فَهُمْ لَا يَنطِقُونَ ﴿85﴾ أَلَمْ
يَرَوْا۟ أَنَّا جَعَلْنَا ٱلَّيْلَ لِيَسْكُنُوا۟ فِيهِ وَٱلنَّهَارَ مُبْصِرًا ۚ إِنَّ فِى
ذَٰلِكَ لَـَٔايَٰتٍ لِّقَوْمٍ يُؤْمِنُونَ ﴿86﴾ وَيَوْمَ يُنفَخُ فِى ٱلصُّورِ فَفَزِعَ
مَن فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَن فِى ٱلْأَرْضِ إِلَّا مَن شَآءَ ٱللَّهُ ۚ وَكُلٌّ أَتَوْهُ
دَٰخِرِينَ ﴿87﴾ وَتَرَى ٱلْجِبَالَ تَحْسَبُهَا جَامِدَةً وَهِىَ تَمُرُّ مَرَّ ٱلسَّحَابِ ۚ
صُنْعَ ٱللَّهِ ٱلَّذِىٓ أَتْقَنَ كُلَّ شَىْءٍ ۚ إِنَّهُۥ خَبِيرٌۢ بِمَا تَفْعَلُونَ ﴿88﴾

ربع الحزب 39

77. u huwa tmexxija u ħniena għal dawk li jemmnu.
78. Sidek tabilħaqq jagħmel ħaqq minnhom bil-Ġudizzju tiegħu. Huwa l-Qawwi, li jaf kollox.
79. Għalhekk *(Muħammad)* ħalli f'idejn Alla. Inti tinsab fis-sewwa l-aktar ċar!
80. Inti ma *(tistax)* issemma' lill-mejtin, u lanqas isemma' s-sejħa *(lejn Alla u lejn l-Islam)* lit-torox meta huma *(jwebbsu rashom u)* iwarrbu u jitilqu 'l hemm.
81. Lanqas ma tmexxi lill-għomja *(u tbegħedhom)* mit-telfien, u ma ssemmax ħlief lil dawk li jemmnu fis-sinjali tagħna, u huma Misilmin *(li ntelqu għar-rieda ta' Alla)*.
82. U meta l-kelma *(ta' kundanna)* taqa' fuqhom, Aħna noħorġulhom bhima mill-art li tkellimhom *(u tgħidilhom)* li n-nies ma kinux jemmnu sħiħ fis-sinjali tagħna.[58]
83. Fil-Jum *(tal-Ġudizzju fakkarhom)* meta niġbru minn kull ġens ġemgħa minn dawk li jgiddbu s-sinjali tagħna, u jitwaddbu *(bil-herra u bl-istmerrija lejn il-post tal-Ġudizzju)*.
84. Hekk kif jaslu *(quddiem Alla)* jgħid*(ilhom)*: "Jaqaw giddibtu s-sinjali tiegħi meta ma kellkomx għarfien dwarhom? Jew x'kontu qegħdin tagħmlu?"
85. U l-kelma *(ta' kundanna)* taqa' fuqhom tal-ħażen li għamlu, u huma ma *(jkunu jistgħu)* jgħidu *(xejn, għaliex ma jkollhom ebda skuża)*.
86. Mela ma jarawx li Aħna għamilna l-lejl *(mudlam)* biex jistrieħu fih, u n-nhar imdawwal *(biex jaraw u jkunu jistgħu jagħmlu ħidmiethom)*? Tabilħaqq li f'dan hawn sinjali għal nies li jemmnu.
87. Fil-Jum li tindaqq it-trumbetta, jitwerwer *(kul)*min jinsab fis-sema u min jinsab fl-art, ħlief min Alla jkun irid *(jeħles minn dan il-biża')*, u lkoll jiġu għandu mċekknin.
88. U tara l-iġbla, li taħsibhom ma jitħarrkux, huma u għaddejjin bħas-sħab. *(Dan hu)* l-għemil ta' Alla, li jagħmel kollox sew. Huwa jaf sew b'dak *(kollu)* li tagħmlu *(u se titħallsu tiegħu)*.

---

[58] Il-ħruġ tal-bhima li tkellem lin-nies huwa wieħed mis-sinjali li juru li Jum il-Qawmien mill-imwiet ikun jinsab fil-qrib.

مَن جَآءَ بِٱلْحَسَنَةِ فَلَهُۥ خَيْرٌ مِّنْهَا وَهُم مِّن فَزَعٍ يَوْمَئِذٍ ءَامِنُونَ (89)
وَمَن جَآءَ بِٱلسَّيِّئَةِ فَكُبَّتْ وُجُوهُهُمْ فِى ٱلنَّارِ هَلْ تُجْزَوْنَ
إِلَّا مَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ (90) إِنَّمَآ أُمِرْتُ أَنْ أَعْبُدَ رَبَّ هَٰذِهِ
ٱلْبَلْدَةِ ٱلَّذِى حَرَّمَهَا وَلَهُۥ كُلُّ شَىْءٍ ۖ وَأُمِرْتُ أَنْ أَكُونَ مِنَ
ٱلْمُسْلِمِينَ (91) وَأَنْ أَتْلُوَا۟ ٱلْقُرْءَانَ ۖ فَمَنِ ٱهْتَدَىٰ فَإِنَّمَا يَهْتَدِى
لِنَفْسِهِۦ ۖ وَمَن ضَلَّ فَقُلْ إِنَّمَآ أَنَا۠ مِنَ ٱلْمُنذِرِينَ (92) وَقُلِ ٱلْحَمْدُ
لِلَّهِ سَيُرِيكُمْ ءَايَٰتِهِۦ فَتَعْرِفُونَهَا ۚ وَمَا رَبُّكَ بِغَٰفِلٍ عَمَّا تَعْمَلُونَ (93)

سُورَةُ القَصَصِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

طسٓمٓ (1) تِلْكَ ءَايَٰتُ ٱلْكِتَٰبِ ٱلْمُبِينِ (2) نَتْلُوا۟ عَلَيْكَ
مِن نَّبَإِ مُوسَىٰ وَفِرْعَوْنَ بِٱلْحَقِّ لِقَوْمٍ يُؤْمِنُونَ (3) إِنَّ
فِرْعَوْنَ عَلَا فِى ٱلْأَرْضِ وَجَعَلَ أَهْلَهَا شِيَعًا يَسْتَضْعِفُ
طَآئِفَةً مِّنْهُمْ يُذَبِّحُ أَبْنَآءَهُمْ وَيَسْتَحْىِۦ نِسَآءَهُمْ ۚ إِنَّهُۥ كَانَ
مِنَ ٱلْمُفْسِدِينَ (4) وَنُرِيدُ أَن نَّمُنَّ عَلَى ٱلَّذِينَ ٱسْتُضْعِفُوا۟
فِى ٱلْأَرْضِ وَنَجْعَلَهُمْ أَئِمَّةً وَنَجْعَلَهُمُ ٱلْوَٰرِثِينَ (5)

89. Min *(f'Jum il-Ħaqq)* jiġi bl-għemil it-tajjeb, huwa jkollu aħjar minnu, u dakinhar ikunu mħarsin mill-biża'.

90. U min jiġi bl-għemil il-ħażin *(u jxierek allat oħra ma' Alla, nies bħal dan)* jinxteħtu wiċċhom 'l isfel fin-Nar *(u jingħad lilhom)*: "Jaqaw se titħallsu *(ta' xi ħaġa)* ħlief ta' dak li kontu tagħmlu?"

91. *(Muħammad, għidilhom lil niesek f'Mekka)*: "Jiena ngħatajt biss l-amar biex inqim *(lil Alla)* Sid din il-belt, Dak li qaddisha *(u ma jridx tixrid ta' demm fiha)*, u li kollox huwa tiegħu. U ngħatajt *(ukoll)* l-amar li nkun fost il-Misilmin,

92. u li naqra l-Qoran." Min jaqbad it-triq it-tajba, ikun qabadha għalih innifsu, u min jintilef, għid*(lu Muħammad)*: "Jiena biss wieħed minn dawk li jwissu."

93. U għid *(ukoll)*: "Tifħir lil Alla! Se jurikom is-sinjali tiegħu u se tagħrfuhom *(iżda dakinhar ikun tard wisq għalikom)*. Sidkom *(il-Mulej)* ma jaqbiżlu xejn minn dak li tagħmlu!"

28. *Sūratu l-Qaṣaṣ*

(Suret l-Istorja – Niżlet f'Mekka
ħlief għall-versi 52-55 li niżlu f'Medina,
u l-vers 85 li niżel f'al-Ġuħfa. Niżlet bi 88 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Ṭā'. Sīn. Mīm.*
2. Dawn huma l-versi tal-Ktieb iċ-ċar.
3. Aħna nħabbrulek bil-ħaqq l-aħbar ta' Mosè u tal-Fargħun, għal nies li jemmnu *(fil-Qoran)*.
4. Tabilħaqq li l-Fargħun tkabbar fuq l-art *(fl-Eġittu)* u għamel minn niesha setet, biex ħaqar ġemgħa minnhom, u kien jeqred *(lit-trabi)* subien tagħhom filwaqt li jżomm ħajjin *(lit-trabi)* bniet tagħhom. Huwa tabilħaqq kien bniedem ta' ħsara!
5. Aħna ridna nuru t-tjieba tagħna ma' dawk li nħaqru fl-art, u nagħmlu minnhom mexxejja *(tat-tajjeb)*, u nagħmluhom werrieta,

وَنُمَكِّنَ لَهُمْ فِي ٱلْأَرْضِ وَنُرِيَ فِرْعَوْنَ وَهَٰمَٰنَ وَجُنُودَهُمَا
مِنْهُم مَّا كَانُوا۟ يَحْذَرُونَ ﴿6﴾ وَأَوْحَيْنَآ إِلَىٰٓ أُمِّ مُوسَىٰٓ
أَنْ أَرْضِعِيهِ ۖ فَإِذَا خِفْتِ عَلَيْهِ فَأَلْقِيهِ فِي ٱلْيَمِّ وَلَا تَخَافِي
وَلَا تَحْزَنِىٓ ۖ إِنَّا رَآدُّوهُ إِلَيْكِ وَجَاعِلُوهُ مِنَ ٱلْمُرْسَلِينَ ﴿7﴾
فَٱلْتَقَطَهُۥٓ ءَالُ فِرْعَوْنَ لِيَكُونَ لَهُمْ عَدُوًّا وَحَزَنًا ۗ إِنَّ
فِرْعَوْنَ وَهَٰمَٰنَ وَجُنُودَهُمَا كَانُوا۟ خَٰطِـِٔينَ ﴿8﴾
وَقَالَتِ ٱمْرَأَتُ فِرْعَوْنَ قُرَّتُ عَيْنٍ لِّى وَلَكَ ۖ لَا تَقْتُلُوهُ عَسَىٰٓ
أَن يَنفَعَنَآ أَوْ نَتَّخِذَهُۥ وَلَدًا وَهُمْ لَا يَشْعُرُونَ ﴿9﴾ وَأَصْبَحَ
فُؤَادُ أُمِّ مُوسَىٰ فَٰرِغًا ۖ إِن كَادَتْ لَتُبْدِى بِهِۦ لَوْلَآ أَن
رَّبَطْنَا عَلَىٰ قَلْبِهَا لِتَكُونَ مِنَ ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿10﴾ وَقَالَتْ
لِأُخْتِهِۦ قُصِّيهِ ۖ فَبَصُرَتْ بِهِۦ عَن جُنُبٍ وَهُمْ لَا يَشْعُرُونَ
﴿11﴾ ۞ وَحَرَّمْنَا عَلَيْهِ ٱلْمَرَاضِعَ مِن قَبْلُ فَقَالَتْ هَلْ أَدُلُّكُمْ
عَلَىٰٓ أَهْلِ بَيْتٍ يَكْفُلُونَهُۥ لَكُمْ وَهُمْ لَهُۥ نَٰصِحُونَ ﴿12﴾
فَرَدَدْنَٰهُ إِلَىٰٓ أُمِّهِۦ كَىْ تَقَرَّ عَيْنُهَا وَلَا تَحْزَنَ وَلِتَعْلَمَ
أَنَّ وَعْدَ ٱللَّهِ حَقٌّ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿13﴾

نصف الحزب 39

6. u nwettquhom fuq l-art, u bihom nuri lill-Fargħun, lil Hāmān *(il-ministru tiegħu)* u lis-suldati tagħhom it-tnejn dak li kienu jibżgħu *(minnu)*.
7. U nebbaħna lil omm Mosè *(u għednielha)*: "Reddgħu, u jekk qiegħda tibża' minħabba fih *(għaliex taħseb li jista' jiġrilu xi ħaġa)*, ixħtu fix-xmara *(Nil)*, u la tibża' u lanqas titnikket! Aħna tabilħaqq inrodduh lilek u nagħmluh *(wieħed)* mill-Mibgħutin."
8. Nies il-Fargħun ġabruh *(mix-xmara Nil)* biex *(aktar tard kellu)* ikunilhom għadu *(u għajn ta')* niket. Tabilħaqq li l-Fargħun, Hāmān, u s-suldati tagħhom kienu ħatjin.
9. Mart il-Fargħun qalet: "*(Dan it-tfajjel huwa)* l-hena tiegħi u tiegħek. La toqtluhx! Għandu mnejn ikunilna ta' fejda, jew neħduh b'iben *(tagħna)*." U ma ntebħux *(x'kienu qegħdin jagħmlu u fiex kellu jwassalhom Mosè)*.
10. U f'qalb omm Mosè waqa' l-vojt *(u tilfet rasha meta saret taf li binha kien ġie f'idejn il-Fargħun)*, u kienet għoddha se tikxfu *(u tgħid li kien binha)* li kieku ma għamilnilhiex il-qalb *(u tajnieha s-sabar)*, biex tkun minn dawk li jemmnu.
11. Hija qalet lil oħtu: "Mur warajh *(u ara x'qegħdin jagħmlulu)*!" U lemħitu mill-bogħod, filwaqt li huma ma ntebħux *(biha)*.
12. Qabel *(m'oħtu daħlet fil-palazz)* ma ħallejniehx jerda' mill-imreddgħiet *(minn fost nies il-Fargħun)*, u *(oħtu)* qalet: "Tridux nurikom familja li teħdilkom ħsiebu, u jagħmlu minn kollox għalih?"
13. U *(b'hekk)* tajnieh lura lil ommu biex tithenna bih u ma titnikkitx, u biex tkun taf li l-wegħda ta' Alla hija minnha, iżda ħafna minnhom ma jafux.

وَلَمَّا بَلَغَ أَشُدَّهُۥ وَٱسْتَوَىٰٓ ءَاتَيْنَٰهُ حُكْمًا وَعِلْمًا ۚ وَكَذَٰلِكَ نَجْزِى
ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿14﴾ وَدَخَلَ ٱلْمَدِينَةَ عَلَىٰ حِينِ غَفْلَةٍ مِّنْ أَهْلِهَا
فَوَجَدَ فِيهَا رَجُلَيْنِ يَقْتَتِلَانِ هَٰذَا مِن شِيعَتِهِۦ وَهَٰذَا مِنْ عَدُوِّهِۦ ۖ
فَٱسْتَغَٰثَهُ ٱلَّذِى مِن شِيعَتِهِۦ عَلَى ٱلَّذِى مِنْ عَدُوِّهِۦ فَوَكَزَهُۥ مُوسَىٰ
فَقَضَىٰ عَلَيْهِ ۖ قَالَ هَٰذَا مِنْ عَمَلِ ٱلشَّيْطَٰنِ ۖ إِنَّهُۥ عَدُوٌّ مُّضِلٌّ مُّبِينٌ
﴿15﴾ قَالَ رَبِّ إِنِّى ظَلَمْتُ نَفْسِى فَٱغْفِرْ لِى فَغَفَرَ لَهُۥٓ ۚ إِنَّهُۥ هُوَ
ٱلْغَفُورُ ٱلرَّحِيمُ ﴿16﴾ قَالَ رَبِّ بِمَآ أَنْعَمْتَ عَلَىَّ فَلَنْ أَكُونَ
ظَهِيرًا لِّلْمُجْرِمِينَ ﴿17﴾ فَأَصْبَحَ فِى ٱلْمَدِينَةِ خَآئِفًا يَتَرَقَّبُ فَإِذَا
ٱلَّذِى ٱسْتَنصَرَهُۥ بِٱلْأَمْسِ يَسْتَصْرِخُهُۥ ۚ قَالَ لَهُۥ مُوسَىٰٓ إِنَّكَ لَغَوِىٌّ
مُّبِينٌ ﴿18﴾ فَلَمَّآ أَنْ أَرَادَ أَن يَبْطِشَ بِٱلَّذِى هُوَ عَدُوٌّ لَّهُمَا قَالَ
يَٰمُوسَىٰٓ أَتُرِيدُ أَن تَقْتُلَنِى كَمَا قَتَلْتَ نَفْسًۢا بِٱلْأَمْسِ ۖ إِن تُرِيدُ إِلَّآ
أَن تَكُونَ جَبَّارًا فِى ٱلْأَرْضِ وَمَا تُرِيدُ أَن تَكُونَ مِنَ ٱلْمُصْلِحِينَ ﴿19﴾
وَجَآءَ رَجُلٌ مِّنْ أَقْصَا ٱلْمَدِينَةِ يَسْعَىٰ قَالَ يَٰمُوسَىٰٓ إِنَّ ٱلْمَلَأَ
يَأْتَمِرُونَ بِكَ لِيَقْتُلُوكَ فَٱخْرُجْ إِنِّى لَكَ مِنَ ٱلنَّٰصِحِينَ ﴿20﴾
فَخَرَجَ مِنْهَا خَآئِفًا يَتَرَقَّبُ ۖ قَالَ رَبِّ نَجِّنِى مِنَ ٱلْقَوْمِ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿21﴾

14. Meta *(Mosè)* sar raġel u kien fl-aqwa tiegħu, tajnieh għerf u għarfien. Hekk inħallsu lil dawk li jagħmlu t-tajjeb.

15. Huwa daħal il-belt *(għal xi nofsinhar)* mingħajr ma ntebħu niesha, u sab fiha żewġt irġiel jitqatlu, wieħed kien minn ġensu *(minn Ulied Israel)* u l-ieħor mill-għadu tiegħu *(Eġizzjan)*. Dak li kien minn ġensu talbu l-għajnuna kontra dak mill-għadu tiegħu. Għalhekk Mosè tah daqqa ta' ponn u qatlu. *(Imbagħad Mosè ntebaħ x'kien għamel b'idejh u)* qal: "Dan *(il-qtil)* mill-għemil tax-Xitan *(għaliex kien hu li qanqal fija l-għadab)*. Huwa tabilħaqq għadu li jtellef it-triq, biċ-ċar!"

16. Qal *(ukoll)*: "Sidi, jiena nqast kontra tiegħi nnifsi. Mela aħfirli." U *(Alla)* ħafirlu. Huwa tabilħaqq Kollu Maħfra, il-Ħanin.

17. Qal *(Mosè)*: "Talli wrejt grazzja miegħi *(u ħfirtli, inwiegħdek)* li ma nkunx ta' għajnuna għall-ħatjin."

18. Filgħodu qam imbeżża', fil-belt, u kien iħares madwaru *(biex jara humiex ġejjin għalih)*, meta *(ħin minnhom)* sema' lil dak li fil-jum ta' qabel kien talbu l-għajnuna jerġa' jgħajjatlu biex jgħinu. Mosè qallu: "Inti tabilħaqq bniedem mitluf, biċ-ċar!"

19. Meta *(Mosè)* kien għoddu qabad l-għadu tagħhom it-tnejn, *(dan)* qal: "Mosè, jaqaw trid toqtolni, bħalma qtilt bniedem il-bieraħ? Inti trid biss tkun tirann fuq l-art, u ma tridx tkun minn dawk li jagħmlu l-ġid!"

20. U ġie raġel jgħaġġel *(għand Mosè)* mill-ibgħad naħa tal-belt, u qal: "Mosè, tabilħaqq li l-kbarat qegħdin jiftiehmu biex joqtluk. Mela oħroġ *(mill-belt)*! Tabilħaqq li jiena, għalik, minn dawk li jagħtu parir *(tajjeb)*."

21. Għalhekk *(Mosè)* ħareġ minnha mbeżża', u kien iħares madwaru *(biex jara humiex ġejjin għalih u)* qal: "Sidi *(il-Mulej)*, eħlisni min-nies il-ħżiena!"

وَلَمَّا تَوَجَّهَ تِلْقَآءَ مَدْيَنَ قَالَ عَسَىٰ رَبِّيٓ أَن يَهْدِيَنِي سَوَآءَ
ٱلسَّبِيلِ ﴿22﴾ وَلَمَّا وَرَدَ مَآءَ مَدْيَنَ وَجَدَ عَلَيْهِ أُمَّةً مِّنَ
ٱلنَّاسِ يَسْقُونَ وَوَجَدَ مِن دُونِهِمُ ٱمْرَأَتَيْنِ تَذُودَانِ ۖ
قَالَ مَا خَطْبُكُمَا ۖ قَالَتَا لَا نَسْقِي حَتَّىٰ يُصْدِرَ ٱلرِّعَآءُ ۖ وَأَبُونَا
شَيْخٌ كَبِيرٌ ﴿23﴾ فَسَقَىٰ لَهُمَا ثُمَّ تَوَلَّىٰٓ إِلَى ٱلظِّلِّ فَقَالَ
رَبِّ إِنِّي لِمَآ أَنزَلْتَ إِلَيَّ مِنْ خَيْرٍ فَقِيرٌ ﴿24﴾ فَجَآءَتْهُ إِحْدَىٰهُمَا
تَمْشِي عَلَى ٱسْتِحْيَآءٍ قَالَتْ إِنَّ أَبِي يَدْعُوكَ لِيَجْزِيَكَ
أَجْرَ مَا سَقَيْتَ لَنَا ۚ فَلَمَّا جَآءَهُ وَقَصَّ عَلَيْهِ ٱلْقَصَصَ قَالَ
لَا تَخَفْ ۖ نَجَوْتَ مِنَ ٱلْقَوْمِ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿25﴾ قَالَتْ إِحْدَىٰهُمَا
يَٰٓأَبَتِ ٱسْتَـْٔجِرْهُ ۖ إِنَّ خَيْرَ مَنِ ٱسْتَـْٔجَرْتَ ٱلْقَوِيُّ ٱلْأَمِينُ
﴿26﴾ قَالَ إِنِّيٓ أُرِيدُ أَنْ أُنكِحَكَ إِحْدَى ٱبْنَتَيَّ هَٰتَيْنِ عَلَىٰٓ أَن
تَأْجُرَنِي ثَمَٰنِيَ حِجَجٍ ۖ فَإِنْ أَتْمَمْتَ عَشْرًا فَمِنْ عِندِكَ ۖ
وَمَآ أُرِيدُ أَنْ أَشُقَّ عَلَيْكَ ۚ سَتَجِدُنِيٓ إِن شَآءَ ٱللَّهُ مِنَ
ٱلصَّٰلِحِينَ ﴿27﴾ قَالَ ذَٰلِكَ بَيْنِي وَبَيْنَكَ ۖ أَيَّمَا ٱلْأَجَلَيْنِ
قَضَيْتُ فَلَا عُدْوَٰنَ عَلَيَّ ۖ وَٱللَّهُ عَلَىٰ مَا نَقُولُ وَكِيلٌ ﴿28﴾

22. Meta rħielha lejn Madjan *(Mosè)* qal: "Għandu mnejn Sidi jurini t-triq it-tajba."
23. U meta ġie ħdejn *(l-għajn ta')* l-ilma ta' Madjan, sab hemmhekk nies li kienu qegħdin jisqu *(il-bhejjem)*. U maqtugħin għalihom *(sab)* żewġ nisa li kienu qegħdin iżommu lura *(il-merħliet tagħhom)*. Qal*(ilhom Mosè)*: "Intom xi ġralkom?" Huma qalu: "Ma nisqux *(il-bhejjem tagħna)* qabel ma jitilqu r-rgħajja. Missierna xiħ, imdaħħal fiż-żmien *(u għalhekk ma jistax jagħmel dan ix-xogħol)*."
24. Għalhekk huwa sqielhom *(il-merħliet tagħhom, għaliex tħassarhom)* u mbagħad mar qagħad fid-dell u qal: "Sidi *(il-Mulej)*, jiena tabilħaqq neħtieġ il-ġid li se tniżżel fuqi."
25. U ġiet għandu waħda minnhom it-tnejn, timxi mistħija, u qalet: "Tabilħaqq li Missieri *(Xugħajb)* jistiednek *(għandu)* biex iħallsek talli sqejtilna *(il-bhejjem tagħna)*." U meta mar għandu u qallu bil-ġrajja, *(missier ix-xebbiet)* qal*(lu)*: "La tibżax! Inti ħlist min-nies il-ħżiena."
26. Waħda minnhom it-tnejn qalet: "Missier, ħaddmu miegħek *(u jeħodlok ħsieb il-merħliet tiegħek)*. L-aħjar li tħaddem huwa *(il-ħaddiem)* b'saħħtu u li tista' toqgħod fuqu."
27. Qal *(missier ix-xebbiet lil Mosè)*: "Jiena tabilħaqq irrid inżewġek waħda minn dawn iż-żewġt ibniet tiegħi, bil-patt li taħdem miegħi għal tmien snin. Jekk ittemm għaxar snin *(ta' ħidma miegħi)*, dan ikun b'tjieba mingħandek u ma rridx inkun iebes miegħek. Se ssibni, jekk Alla jrid, mill-ġusti."
28. Qal *(Mosè)*: "Dak *(huwa l-ftehim)* bejni u bejnek. Nagħżel liema nagħżel miż-żewġ żminijiet li nqatta' *(naħdem miegħek)*, ma għandux iwassal għal inġustizzja kontrija, u Alla jixhed għal dak li qegħdin ngħidu."

ثلاثة أرباع الحزب 39

۞ فَلَمَّا قَضَىٰ مُوسَى ٱلْأَجَلَ وَسَارَ بِأَهْلِهِۦٓ ءَانَسَ مِن جَانِبِ
ٱلطُّورِ نَارًا قَالَ لِأَهْلِهِ ٱمْكُثُوٓا۟ إِنِّىٓ ءَانَسْتُ نَارًا لَّعَلِّىٓ ءَاتِيكُم
مِّنْهَا بِخَبَرٍ أَوْ جَذْوَةٍ مِّنَ ٱلنَّارِ لَعَلَّكُمْ تَصْطَلُونَ
(29) فَلَمَّآ أَتَىٰهَا نُودِىَ مِن شَـٰطِئِ ٱلْوَادِ ٱلْأَيْمَنِ فِى ٱلْبُقْعَةِ
ٱلْمُبَـٰرَكَةِ مِنَ ٱلشَّجَرَةِ أَن يَـٰمُوسَىٰٓ إِنِّىٓ أَنَا ٱللَّهُ رَبُّ
ٱلْعَـٰلَمِينَ (30) وَأَنْ أَلْقِ عَصَاكَ ۖ فَلَمَّا رَءَاهَا تَهْتَزُّ كَأَنَّهَا
جَآنٌّ وَلَّىٰ مُدْبِرًا وَلَمْ يُعَقِّبْ ۚ يَـٰمُوسَىٰٓ أَقْبِلْ وَلَا تَخَفْ ۖ إِنَّكَ
مِنَ ٱلْـَٔامِنِينَ (31) ٱسْلُكْ يَدَكَ فِى جَيْبِكَ تَخْرُجْ بَيْضَآءَ مِنْ
غَيْرِ سُوٓءٍ وَٱضْمُمْ إِلَيْكَ جَنَاحَكَ مِنَ ٱلرَّهْبِ ۖ فَذَٰنِكَ
بُرْهَـٰنَانِ مِن رَّبِّكَ إِلَىٰ فِرْعَوْنَ وَمَلَإِيْهِۦٓ ۚ إِنَّهُمْ كَانُوا۟
قَوْمًا فَـٰسِقِينَ (32) قَالَ رَبِّ إِنِّى قَتَلْتُ مِنْهُمْ نَفْسًا فَأَخَافُ
أَن يَقْتُلُونِ (33) وَأَخِى هَـٰرُونُ هُوَ أَفْصَحُ مِنِّى لِسَانًا
فَأَرْسِلْهُ مَعِىَ رِدْءًا يُصَدِّقُنِىٓ ۖ إِنِّىٓ أَخَافُ أَن يُكَذِّبُونِ (34)
قَالَ سَنَشُدُّ عَضُدَكَ بِأَخِيكَ وَنَجْعَلُ لَكُمَا سُلْطَـٰنًا فَلَا
يَصِلُونَ إِلَيْكُمَا ۚ بِـَٔايَـٰتِنَآ أَنتُمَا وَمَنِ ٱتَّبَعَكُمَا ٱلْغَـٰلِبُونَ (35)

29. U meta Mosè temm iż-żmien *(ta' l-għaxar snin li kellu jaħdem ma' ħatnu)* u rħielha ma' niesu *(lejn l-Eġittu)*, huwa ra nar fuq in-naħa tal-muntanja. Qal lil niesu: "Ibqgħu *(hawn)*! Jiena qiegħed nilmaħ nar. Għandi mnejn inġibilkom aħbar *(dwar fejn ninsabu)*, jew *(inġibilkom)* zokk imkebbes *(minnu)* biex forsi tisħnu *(madwaru)*."
30. U meta wasal hemm, issejjaħ min-naħa tal-lemin tal-wied, f'dak l-imkien imbierek, min-naħa tas-siġra *(u ntqal lilu)*: "Mosè, tabilħaqq li Jiena Alla, Sid il-ħolqien.
31. Ixħet il-ħatar tiegħek!" U meta *(Mosè)* rah jitħarrek *(bil-ħeffa)* bħal lifgħa, huwa telaq 'l hemm *(imbeżża')* u ma ħarisx lura. *(Iżda Alla sejjaħlu lura u qallu)*: "Mosè, ersaq u la tibżax! Inti tabilħaqq minn dawk imħarsin *(minn kull deni)*.
32. Daħħal idek f'ħobbok *(u tara li din)* toħroġ bajda *(silġ u tiddi)*, mingħajr ħsara, u ħaddan lilek innifsek biex ma tibżax! Dawn huma żewġ provi mingħand Sidek *(il-Mulej)* lill-Fargħun u lill-kbarat tiegħu. Huma tabilħaqq kienu nies ħatjin!"
33. Qal *(Mosè)*: "Sidi, jiena qtilt wieħed minnhom, u għalhekk nibża' li joqtluni.
34. Ħija Aron jaf jitkellem aħjar minni. Mela ibagħtu miegħi biex jgħinni u jseddaqni, għaliex nibża' li jgiddbuni."
35. Qal *(Alla)*: "Se nqawwuk b'ħuk, u nagħtukom is-setgħa biex ma jkunux jistgħu jagħmlulkom ħsara. Bis-sinjali tagħna, intom it-tnejn u min jimxi warajkom toħorġu rebbiħin!"

فَلَمَّا جَآءَهُم مُّوسَىٰ بِـَٔايَـٰتِنَا بَيِّنَـٰتٍ قَالُوا۟ مَا هَـٰذَآ إِلَّا سِحْرٌ
مُّفْتَرًى وَمَا سَمِعْنَا بِهَـٰذَا فِىٓ ءَابَآئِنَا ٱلْأَوَّلِينَ ﴿36﴾ وَقَالَ
مُوسَىٰ رَبِّىٓ أَعْلَمُ بِمَن جَآءَ بِٱلْهُدَىٰ مِنْ عِندِهِۦ وَمَن تَكُونُ
لَهُۥ عَـٰقِبَةُ ٱلدَّارِ ۖ إِنَّهُۥ لَا يُفْلِحُ ٱلظَّـٰلِمُونَ ﴿37﴾ وَقَالَ فِرْعَوْنُ
يَـٰٓأَيُّهَا ٱلْمَلَأُ مَا عَلِمْتُ لَكُم مِّنْ إِلَـٰهٍ غَيْرِى ۖ فَأَوْقِدْ
لِى يَـٰهَـٰمَـٰنُ عَلَى ٱلطِّينِ فَٱجْعَل لِّى صَرْحًا لَّعَلِّىٓ أَطَّلِعُ إِلَىٰٓ
إِلَـٰهِ مُوسَىٰ وَإِنِّى لَأَظُنُّهُۥ مِنَ ٱلْكَـٰذِبِينَ ﴿38﴾ وَٱسْتَكْبَرَ
هُوَ وَجُنُودُهُۥ فِى ٱلْأَرْضِ بِغَيْرِ ٱلْحَقِّ وَظَنُّوٓا۟ أَنَّهُمْ إِلَيْنَا
لَا يُرْجَعُونَ ﴿39﴾ فَأَخَذْنَـٰهُ وَجُنُودَهُۥ فَنَبَذْنَـٰهُمْ فِى
ٱلْيَمِّ ۖ فَٱنظُرْ كَيْفَ كَانَ عَـٰقِبَةُ ٱلظَّـٰلِمِينَ ﴿40﴾
وَجَعَلْنَـٰهُمْ أَئِمَّةً يَدْعُونَ إِلَى ٱلنَّارِ ۖ وَيَوْمَ ٱلْقِيَـٰمَةِ
لَا يُنصَرُونَ ﴿41﴾ وَأَتْبَعْنَـٰهُمْ فِى هَـٰذِهِ ٱلدُّنْيَا لَعْنَةً ۖ
وَيَوْمَ ٱلْقِيَـٰمَةِ هُم مِّنَ ٱلْمَقْبُوحِينَ ﴿42﴾ وَلَقَدْ ءَاتَيْنَا
مُوسَى ٱلْكِتَـٰبَ مِنۢ بَعْدِ مَآ أَهْلَكْنَا ٱلْقُرُونَ ٱلْأُولَىٰ
بَصَآئِرَ لِلنَّاسِ وَهُدًى وَرَحْمَةً لَّعَلَّهُمْ يَتَذَكَّرُونَ ﴿43﴾

36. U meta Mosè ġiehom bis-sinjali ċ-ċari tagħna, *(il-Fargħun u niesu)* qalu: "Dan mhux ħlief seħer maħluq minn moħħu, u ma smajniex li dan *(it-twemmin qatt xtered)* fost missirijietna fl-imgħoddi."
37. Mosè qal: "Sidi *(il-Mulej)* jaf l-aktar dwar min ġie bit-tmexxija t-tajba mingħandu, u ta' min hija l-aħjar Dar. Tabilħaqq li l-ħżiena ma jmorrux tajjeb!"
38. U l-Fargħun qal: "Ja kbarat, jiena ma nafilkomx alla ieħor għajri. Għalhekk Hāmān, kebbisli n-nar fuq it-tajn, u agħmilli bini għoli biex inkun nista' nara lil Alla ta' Mosè! Jiena tabilħaqq inqisu li huwa mill-giddibin."
39. Tkabbar *(il-Fargħun)* u *(bħalu tkabbru)* is-suldati tiegħu fl-art *(ta' l-Eġittu)*, bla ħaqq, u ħasbu li ma humiex se jerġgħu lura lejna.
40. Għalhekk ħadna lilu u lis-suldati tiegħu *(għal għarrieda u kkastigajniehom billi)* xħetniehom fil-baħar. U ara kif kien tmiem il-ħżiena!
41. U għamilniehom mexxejja li jsejħu *(lill-bnedmin)* għan-Nar, u f'Jum il-Qawmien ma jkollhomx min jgħinhom.
42. F'din id-dinja għamilnielhom saħta tiġri warajhom, u f'Jum il-Qawmien huma jkunu fost l-imċaħħdin mill-ħniena ta' Alla.
43. Tassew tajna l-Ktieb lil Mosè, wara li konna qridna l-ewwel ġnus, *(u dan il-Ktieb kien)* dawl lin-nies, u tmexxija u ħniena biex għandhom imnejn jiftakru *(fit-twissijiet ta' Alla u jaqbdu t-triq it-tajba)*.

وَمَا كُنتَ بِجَانِبِ ٱلْغَرْبِيِّ إِذْ قَضَيْنَآ إِلَىٰ مُوسَى ٱلْأَمْرَ وَمَا كُنتَ
مِنَ ٱلشَّٰهِدِينَ ﴿44﴾ وَلَٰكِنَّآ أَنشَأْنَا قُرُونًا فَتَطَاوَلَ عَلَيْهِمُ
ٱلْعُمُرُ ۚ وَمَا كُنتَ ثَاوِيًا فِىٓ أَهْلِ مَدْيَنَ تَتْلُوا۟ عَلَيْهِمْ
ءَايَٰتِنَا وَلَٰكِنَّا كُنَّا مُرْسِلِينَ ﴿45﴾ وَمَا كُنتَ بِجَانِبِ
ٱلطُّورِ إِذْ نَادَيْنَا وَلَٰكِن رَّحْمَةً مِّن رَّبِّكَ لِتُنذِرَ قَوْمًا
مَّآ أَتَىٰهُم مِّن نَّذِيرٍ مِّن قَبْلِكَ لَعَلَّهُمْ يَتَذَكَّرُونَ ﴿46﴾
وَلَوْلَآ أَن تُصِيبَهُم مُّصِيبَةٌۢ بِمَا قَدَّمَتْ أَيْدِيهِمْ فَيَقُولُوا۟
رَبَّنَا لَوْلَآ أَرْسَلْتَ إِلَيْنَا رَسُولًا فَنَتَّبِعَ ءَايَٰتِكَ وَنَكُونَ
مِنَ ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿47﴾ فَلَمَّا جَآءَهُمُ ٱلْحَقُّ مِنْ عِندِنَا قَالُوا۟
لَوْلَآ أُوتِىَ مِثْلَ مَآ أُوتِىَ مُوسَىٰٓ ۚ أَوَلَمْ يَكْفُرُوا۟ بِمَآ أُوتِىَ
مُوسَىٰ مِن قَبْلُ ۖ قَالُوا۟ سِحْرَانِ تَظَٰهَرَا وَقَالُوٓا۟ إِنَّا بِكُلٍّ كَٰفِرُونَ
﴿48﴾ قُلْ فَأْتُوا۟ بِكِتَٰبٍ مِّنْ عِندِ ٱللَّهِ هُوَ أَهْدَىٰ مِنْهُمَآ أَتَّبِعْهُ
إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ ﴿49﴾ فَإِن لَّمْ يَسْتَجِيبُوا۟ لَكَ فَٱعْلَمْ
أَنَّمَا يَتَّبِعُونَ أَهْوَآءَهُمْ ۚ وَمَنْ أَضَلُّ مِمَّنِ ٱتَّبَعَ هَوَىٰهُ بِغَيْرِ
هُدًى مِّنَ ٱللَّهِ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿50﴾

44. Inti *(Muħammad)* ma kontx fuq in-naħa tal-Punent *(tal-muntanja)* meta lil Mosè tajnieh l-amar, u lanqas kont xhud *(ta' dan)*.

45. Iżda Aħna qajjimna ġnus *(oħra wara Mosè)* u twal għomorhom *(hekk li nsew lil Alla)*. Inti *(Muħammad)* ma għextx fost nies Madjan *(u lanqas kont)* taqralhom il-versi tagħna, iżda Aħna nibagħtu l-Mibgħutin *(imnebbħin minna)*.

46. Lanqas kont maġenb il-muntanja meta Aħna sejjaħna *(lil Mosè)*, iżda *(Aħna nebbaħnielek dik l-aħbar)* bi ħniena minn Sidek, biex twissi lil nies li ma ġihomx min iwissihom qablek, biex għandhom imnejn jiftakru *(fit-twissijiet ta' Alla u jaqbdu t-triq it-tajba)*.

47. *(Aħna bgħatniek għand il-pagani)* biex, jekk imisshom xi saram kbir tal-*(ħażen)* li għamlu b'idejhom, ma jgħidux: "Sidna *(il-Mulej)*, għaliex ma bgħattilniex Mibgħut u konna nimxu fuq il-versi tiegħek, u konna nkunu fost dawk li jemmnu?"

48. Iżda meta ġiehom is-sewwa mingħandna, qalu: "Għaliex *(Muħammad)* ma ngħatax bħalma ngħata Mosè?" Jaqaw qabel ma kinux ċaħdu dak li ngħata lil Mosè, u qalu: "*(It-Torā u l-Qoran ma humiex ħlief)* żewġ għamliet ta' seħer li jgħinu lil xulxin." U qalu *(ukoll)*: "Aħna niċħdu lit-tnejn li huma!"

49. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Mela ġibu Ktieb *(ieħor)* mingħand Alla li jagħti tmexxija aħjar minn dawn it-tnejn, biex nimxi fuqu, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa."

50. U jekk ma jagħtukx widen, kun af li huma ma jimxux ħlief wara x-xewqat tagħhom. U min hu aktar mitluf minn dak li jimxi wara xewqatu, mingħajr tmexxija minn Alla. Alla ma jurix it-triq lin-nies il-ħżiena.

الحزب 40

۞ وَلَقَدْ وَصَّلْنَا لَهُمُ الْقَوْلَ لَعَلَّهُمْ يَتَذَكَّرُونَ ﴿51﴾ الَّذِينَ
ءَاتَيْنَٰهُمُ الْكِتَٰبَ مِن قَبْلِهِۦ هُم بِهِۦ يُؤْمِنُونَ ﴿52﴾ وَإِذَا يُتْلَىٰ عَلَيْهِمْ
قَالُوٓا۟ ءَامَنَّا بِهِۦٓ إِنَّهُ الْحَقُّ مِن رَّبِّنَآ إِنَّا كُنَّا مِن قَبْلِهِۦ مُسْلِمِينَ ﴿53﴾
أُو۟لَٰٓئِكَ يُؤْتَوْنَ أَجْرَهُم مَّرَّتَيْنِ بِمَا صَبَرُوا۟ وَيَدْرَءُونَ بِالْحَسَنَةِ
السَّيِّئَةَ وَمِمَّا رَزَقْنَٰهُمْ يُنفِقُونَ ﴿54﴾ وَإِذَا سَمِعُوا۟ اللَّغْوَ
أَعْرَضُوا۟ عَنْهُ وَقَالُوا۟ لَنَآ أَعْمَٰلُنَا وَلَكُمْ أَعْمَٰلُكُمْ سَلَٰمٌ عَلَيْكُمْ
لَا نَبْتَغِى الْجَٰهِلِينَ ﴿55﴾ إِنَّكَ لَا تَهْدِى مَنْ أَحْبَبْتَ وَلَٰكِنَّ
اللَّهَ يَهْدِى مَن يَشَآءُ ۚ وَهُوَ أَعْلَمُ بِالْمُهْتَدِينَ ﴿56﴾ وَقَالُوٓا۟ إِن
نَّتَّبِعِ الْهُدَىٰ مَعَكَ نُتَخَطَّفْ مِنْ أَرْضِنَآ ۚ أَوَلَمْ نُمَكِّن لَّهُمْ
حَرَمًا ءَامِنًا يُجْبَىٰٓ إِلَيْهِ ثَمَرَٰتُ كُلِّ شَىْءٍ رِّزْقًا مِّن لَّدُنَّا وَلَٰكِنَّ
أَكْثَرَهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿57﴾ وَكَمْ أَهْلَكْنَا مِن قَرْيَةٍۭ
بَطِرَتْ مَعِيشَتَهَا ۖ فَتِلْكَ مَسَٰكِنُهُمْ لَمْ تُسْكَن مِّنۢ بَعْدِهِمْ
إِلَّا قَلِيلًا ۖ وَكُنَّا نَحْنُ الْوَٰرِثِينَ ﴿58﴾ وَمَا كَانَ رَبُّكَ مُهْلِكَ
الْقُرَىٰ حَتَّىٰ يَبْعَثَ فِىٓ أُمِّهَا رَسُولًا يَتْلُوا۟ عَلَيْهِمْ ءَايَٰتِنَا ۚ وَمَا
كُنَّا مُهْلِكِى الْقُرَىٰٓ إِلَّا وَأَهْلُهَا ظَٰلِمُونَ ﴿59﴾

51. Tassew wassalnielhom *(lil Qurajx)* il-Kelma *(tal-Qoran)* biex forsi jiftakru *(fit-twissijiet ta' Alla u jaqbdu t-triq it-tajba)*.

52. Dawk *(il-Lhud u l-Insara)* li tajniehom il-Ktieb qabel dan *(il-Qoran)*, huma jemmnu fih.

53. U meta jinqralhom jgħidu: "Nemmnu fih! Huwa s-sewwa minn Sidna, u tabilħaqq li aħna, sa minn qablu, konna Misilmin *(mitluqin għar-rieda ta' Alla)*."

54. Dawk jingħataw ħlashom darbtejn, talli stabru *(u dejjem imxew fis-sewwa)*, u bl-għemil it-tajjeb huma jwarrbu l-għemil il-ħażin, kif ukoll jonfqu *(f'karità għal ħaddieħor)* minn dak li tajniehom.

55. U meta jisimgħu l-kliem fieragħ, iwarrbu minnu u jgħidu: "Aħna għandna l-għemejjel tagħna, u intom għandkom l-għemejjel tagħkom. Sliem għalikom! Ma rridux *(li jkollna x'naqsmu ma')* l-injuranti!"

56. Tabilħaqq li inti *(Muħammad)* ma tistax tmexxi *(fit-triq it-tajba)* lil min tħobb, iżda huwa Alla li jmexxi lil min irid, u Huwa jaf l-aktar b'dawk li jinsabu fit-triq it-tajba.

57. Qalu *(nies Qurajx)*: "Jekk nimxu miegħek, wara t-tmexxija t-tajba *(li ġietna)*, se ninħatfu minn artna *(u nitkeċċew minnha)*." Jaqaw ma għamilnilhomx maqdes imħares *(f'Mekka)* fejn jinġieb il-frott ta' kull għamla *(għall-kummerċ)* – ġid għall-għajxien *(tagħhom)* mingħandna? Iżda l-kotra tagħhom ma jafux.

58. U kemm-il belt qridna li tkabbret b'dak li ngħatalha għall-għajxien *(tagħha, u lil Alla ma kinitx tafhulu)*. Dawk huma djarhom li ħadd ma għex fihom warajhom, jekk mhux għal ftit żmien. U konna Aħna l-Werrieta *(tagħhom)*.

59. U Sidek *(Muħammad)* ma jeqridx il-bliet qabel ma jibgħat f'dik ewlenija fosthom Mibgħut li jaqralhom il-versi tagħna, u ma konniex neqirdu l-bliet jekk mhux għaliex nieshom ħżiena.

وَمَآ أُوتِيتُم مِّن شَىْءٍ فَمَتَٰعُ ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا وَزِينَتُهَا ۚ وَمَا عِندَ
ٱللَّهِ خَيْرٌ وَأَبْقَىٰٓ ۚ أَفَلَا تَعْقِلُونَ ﴿60﴾ أَفَمَن وَعَدْنَٰهُ وَعْدًا حَسَنًا
فَهُوَ لَٰقِيهِ كَمَن مَّتَّعْنَٰهُ مَتَٰعَ ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا ثُمَّ هُوَ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ
مِنَ ٱلْمُحْضَرِينَ ﴿61﴾ وَيَوْمَ يُنَادِيهِمْ فَيَقُولُ أَيْنَ شُرَكَآءِىَ ٱلَّذِينَ
كُنتُمْ تَزْعُمُونَ ﴿62﴾ قَالَ ٱلَّذِينَ حَقَّ عَلَيْهِمُ ٱلْقَوْلُ رَبَّنَا هَٰٓؤُلَآءِ
ٱلَّذِينَ أَغْوَيْنَآ أَغْوَيْنَٰهُمْ كَمَا غَوَيْنَا ۖ تَبَرَّأْنَآ إِلَيْكَ ۖ مَا كَانُوٓا۟ إِيَّانَا
يَعْبُدُونَ ﴿63﴾ وَقِيلَ ٱدْعُوا۟ شُرَكَآءَكُمْ فَدَعَوْهُمْ فَلَمْ يَسْتَجِيبُوا۟
لَهُمْ وَرَأَوُا۟ ٱلْعَذَابَ ۚ لَوْ أَنَّهُمْ كَانُوا۟ يَهْتَدُونَ ﴿64﴾ وَيَوْمَ يُنَادِيهِمْ
فَيَقُولُ مَاذَآ أَجَبْتُمُ ٱلْمُرْسَلِينَ ﴿65﴾ فَعَمِيَتْ عَلَيْهِمُ ٱلْأَنۢبَآءُ
يَوْمَئِذٍ فَهُمْ لَا يَتَسَآءَلُونَ ﴿66﴾ فَأَمَّا مَن تَابَ وَءَامَنَ وَعَمِلَ
صَٰلِحًا فَعَسَىٰٓ أَن يَكُونَ مِنَ ٱلْمُفْلِحِينَ ﴿67﴾ وَرَبُّكَ
يَخْلُقُ مَا يَشَآءُ وَيَخْتَارُ ۗ مَا كَانَ لَهُمُ ٱلْخِيَرَةُ ۚ سُبْحَٰنَ
ٱللَّهِ وَتَعَٰلَىٰ عَمَّا يُشْرِكُونَ ﴿68﴾ وَرَبُّكَ يَعْلَمُ مَا تُكِنُّ
صُدُورُهُمْ وَمَا يُعْلِنُونَ ﴿69﴾ وَهُوَ ٱللَّهُ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ ۖ لَهُ
ٱلْحَمْدُ فِى ٱلْأُولَىٰ وَٱلْءَاخِرَةِ ۖ وَلَهُ ٱلْحُكْمُ وَإِلَيْهِ تُرْجَعُونَ ﴿70﴾

60. U dak li ngħatajtu *(f'għamla ta' ġid materjali)* huwa biss it-tgawdija tal-ħajja f'din id-dinja u t-tlellix tagħha, iżda dak li hemm għand Alla huwa aħjar u jdum aktar. Mela ma għandkomx għaqal biex tifhmu?

61. Jaqaw dak li wegħednieh wegħda tajba *(il-Ġenna, imbagħad)* huwa jsibha, bħal min nagħtuh it-tgawdija tal-ħajja f'din id-dinja, u mbagħad huwa, f'Jum il-Qawmien, ikun fost il-miġjuba *(għall-kastig fin-Nar)*?

62. Fil-Jum li *(Alla)* isejħilhom, jgħid*(ilhom)*: "Fejn huma dawk li kontu *(tqimu u)* tgħidu li kienu ixirka miegħi?"

63. Dawk li tkun tistħoqqilhom il-kelma *(ta' kundanna)* jgħidu: "Sidna, dawn huma li tellifna *(u ħriġniehom mit-triq it-tajba)*; tellifniehom bħalma konna ntlifna. Aħna nistqarrulek li ma għandniex x'naqsmu magħhom. Huma ma kinux iqimuna *(iżda kienu jagħmlu ta' rashom)*."

64. Jintqal *(imbagħad lill-pagani)*: "Sejħu lill-ixirka tagħkom!" Huma jsejħulhom, iżda ma jweġbuhomx, u jaraw il-kastig. Mhux li kienu jaqbdu t-triq it-tajba!

65. Fil-Jum li jsejħilhom, jgħid*(ilhom)*: "X'weġibtu lill-Mibgħutin *(tiegħi? Emmintuhom jew giddibtuhom)*?"

66. Dakinhar jitħawdu dwar *(kif kienu seħħu)* il-ġrajjiet, u huma ma jistaqsux lil xulxin.

67. Imma min jindem, jemmen, u jagħmel il-ġid, għandu mnejn ikun mir-rebbiħin.

68. Sidek joħloq li jrid u jagħżel *(lil dak li jrid biex ikun il-Profeta tiegħu)*. Huma *(in-nies)* ma jistgħux jagħżlu *(il-Profeti)*. Sebħ lil Alla! Huwa tabilħaqq ogħla minn dak li jxierku miegħu!

69. Sidek jaf x'hemm mistur fi qlubhom, u *(jaf)* dak li juru.

70. Huwa Alla! Ma hemmx alla ħliefu. Lilu *(jistħoqq)* it-tifħir fl-ewwel *(ħajja f'din id-dinja)* u fl-oħra. Tiegħu l-ħaqq, u lejh titreġġgħu lura.

قُلْ أَرَءَيْتُمْ إِن جَعَلَ ٱللَّهُ عَلَيْكُمُ ٱلَّيْلَ سَرْمَدًا إِلَىٰ يَوْمِ ٱلْقِيَٰمَةِ
مَنْ إِلَٰهٌ غَيْرُ ٱللَّهِ يَأْتِيكُم بِضِيَآءٍ ۖ أَفَلَا تَسْمَعُونَ ﴿71﴾
قُلْ أَرَءَيْتُمْ إِن جَعَلَ ٱللَّهُ عَلَيْكُمُ ٱلنَّهَارَ سَرْمَدًا إِلَىٰ
يَوْمِ ٱلْقِيَٰمَةِ مَنْ إِلَٰهٌ غَيْرُ ٱللَّهِ يَأْتِيكُم بِلَيْلٍ تَسْكُنُونَ
فِيهِ ۖ أَفَلَا تُبْصِرُونَ ﴿72﴾ وَمِن رَّحْمَتِهِۦ جَعَلَ لَكُمُ ٱلَّيْلَ
وَٱلنَّهَارَ لِتَسْكُنُوا۟ فِيهِ وَلِتَبْتَغُوا۟ مِن فَضْلِهِۦ وَلَعَلَّكُمْ تَشْكُرُونَ
﴿73﴾ وَيَوْمَ يُنَادِيهِمْ فَيَقُولُ أَيْنَ شُرَكَآءِىَ ٱلَّذِينَ كُنتُمْ
تَزْعُمُونَ ﴿74﴾ وَنَزَعْنَا مِن كُلِّ أُمَّةٍ شَهِيدًا فَقُلْنَا
هَاتُوا۟ بُرْهَٰنَكُمْ فَعَلِمُوٓا۟ أَنَّ ٱلْحَقَّ لِلَّهِ وَضَلَّ عَنْهُم مَّا كَانُوا۟
يَفْتَرُونَ ﴿75﴾ ۞ إِنَّ قَٰرُونَ كَانَ مِن قَوْمِ مُوسَىٰ فَبَغَىٰ
عَلَيْهِمْ ۖ وَءَاتَيْنَٰهُ مِنَ ٱلْكُنُوزِ مَآ إِنَّ مَفَاتِحَهُۥ لَتَنُوٓأُ بِٱلْعُصْبَةِ
أُو۟لِى ٱلْقُوَّةِ إِذْ قَالَ لَهُۥ قَوْمُهُۥ لَا تَفْرَحْ ۖ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يُحِبُّ ٱلْفَرِحِينَ
﴿76﴾ وَٱبْتَغِ فِيمَآ ءَاتَىٰكَ ٱللَّهُ ٱلدَّارَ ٱلْءَاخِرَةَ ۖ وَلَا تَنسَ
نَصِيبَكَ مِنَ ٱلدُّنْيَا ۖ وَأَحْسِن كَمَآ أَحْسَنَ ٱللَّهُ إِلَيْكَ ۖ
وَلَا تَبْغِ ٱلْفَسَادَ فِى ٱلْأَرْضِ ۖ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يُحِبُّ ٱلْمُفْسِدِينَ ﴿77﴾

ربع الحزب 40

71. Għid*(ilhom Muħammad lill-pagani ta' Mekka)*: "X'taħsbu, li kieku Alla kellu jagħmlilkom il-lejl bla tmiem, sa Jum il-Qawmien, liema alla, għajr Alla, iġibilkom dawl? Mela ma tisimgħux?"

72. Għid*(ilhom Muħammad)*: "X'taħsbu, li kieku Alla kellu jagħmlilkom in-nhar bla tmiem, sa Jum il-Qawmien, liema alla, għajr Alla, iġibilkom lejl biex tistrieħu fih? Mela ma tarawx?"

73. Fil-ħniena tiegħu għamlilkom il-lejl u n-nhar, biex tistrieħu u tfittxu t-tjieba tiegħu *(matul il-ħidma tagħkom)*, biex forsi tiżżu ħajr.

74. Fil-Jum li jsejħilhom, jgħid*(ilhom)*: "Fejn huma dawk li kontu tgħidu li kienu ixirka miegħi?"

75. Minn kull ġens nieħdu xhud *(li jkun il-Mibgħut tagħna)*, u ngħidu: "Ġibu l-prova tagħkom *(dwar is-sewwa tat-twemmin pagan tagħkom)*!" Huma jkunu jafu li s-sewwa huwa ta' Alla, u jitlaqhom għal riħhom dak li kienu jaqilgħu minn żniedhom.

76. Tassew li Qārūn kien minn nies Mosè, iżda tkabbar fuqhom *(għaliex kellu ħafna ġid, u għakkishom)*. Aħna tajnieh teżori li t-toqol ta' l-imfietaħ tagħhom kien ikun kbir wisq għal ġemgħa ta' nies b'saħħithom *(biex iġorruh)*. Ara niesu qalulu: "Toqgħodx tifraħ u titkabbar *(bil-ġid materjali)*! Tabilħaqq li Alla ma jħobbx lil dawk li jifirħu u jitkabbru *(b'ġidhom, mingħajr ma jafuhulu)*.

77. Fittex, f'dak *(il-ġid)* li tak Alla, l-Aħħar Dar, u la tinsiex *(u lanqas tittraskura)* sehmek *(li ngħatajt bil-kotra)* fid-dinja *(u użah tajjeb)*. Agħmel it-tajjeb bħalma Alla għamel miegħek, u la tfittixx il-ħsara fuq l-art, għaliex Alla ma jħobbx lil nies il-ħsara."

قَالَ إِنَّمَآ أُوتِيتُهُۥ عَلَىٰ عِلْمٍ عِندِىٓ ۚ أَوَلَمْ يَعْلَمْ أَنَّ ٱللَّهَ قَدْ أَهْلَكَ
مِن قَبْلِهِۦ مِنَ ٱلْقُرُونِ مَنْ هُوَ أَشَدُّ مِنْهُ قُوَّةً وَأَكْثَرُ جَمْعًا ۚ
وَلَا يُسْـَٔلُ عَن ذُنُوبِهِمُ ٱلْمُجْرِمُونَ ﴿78﴾ فَخَرَجَ عَلَىٰ قَوْمِهِۦ
فِى زِينَتِهِۦ ۖ قَالَ ٱلَّذِينَ يُرِيدُونَ ٱلْحَيَوٰةَ ٱلدُّنْيَا يَٰلَيْتَ لَنَا
مِثْلَ مَآ أُوتِىَ قَٰرُونُ إِنَّهُۥ لَذُو حَظٍّ عَظِيمٍ ﴿79﴾ وَقَالَ
ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْعِلْمَ وَيْلَكُمْ ثَوَابُ ٱللَّهِ خَيْرٌ لِّمَنْ ءَامَنَ
وَعَمِلَ صَٰلِحًا وَلَا يُلَقَّىٰهَآ إِلَّا ٱلصَّٰبِرُونَ ﴿80﴾ فَخَسَفْنَا
بِهِۦ وَبِدَارِهِ ٱلْأَرْضَ فَمَا كَانَ لَهُۥ مِن فِئَةٍ يَنصُرُونَهُۥ مِن دُونِ
ٱللَّهِ وَمَا كَانَ مِنَ ٱلْمُنتَصِرِينَ ﴿81﴾ وَأَصْبَحَ ٱلَّذِينَ تَمَنَّوْا۟
مَكَانَهُۥ بِٱلْأَمْسِ يَقُولُونَ وَيْكَأَنَّ ٱللَّهَ يَبْسُطُ ٱلرِّزْقَ لِمَن
يَشَآءُ مِنْ عِبَادِهِۦ وَيَقْدِرُ ۖ لَوْلَآ أَن مَّنَّ ٱللَّهُ عَلَيْنَا لَخَسَفَ بِنَا ۖ
وَيْكَأَنَّهُۥ لَا يُفْلِحُ ٱلْكَٰفِرُونَ ﴿82﴾ تِلْكَ ٱلدَّارُ ٱلْءَاخِرَةُ نَجْعَلُهَا
لِلَّذِينَ لَا يُرِيدُونَ عُلُوًّا فِى ٱلْأَرْضِ وَلَا فَسَادًا ۚ وَٱلْعَٰقِبَةُ لِلْمُتَّقِينَ
﴿83﴾ مَن جَآءَ بِٱلْحَسَنَةِ فَلَهُۥ خَيْرٌ مِّنْهَا ۖ وَمَن جَآءَ بِٱلسَّيِّئَةِ فَلَا
يُجْزَى ٱلَّذِينَ عَمِلُوا۟ ٱلسَّيِّـَٔاتِ إِلَّا مَا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ ﴿84﴾

78. Qal *(Qārūn)*: "Ingħatajt dan *(il-ġid kollu)* minħabba l-għarfien li għandi *(dwar kif jinkiseb il-ġid)*." Jaqaw ma jafx li Alla qered kemm-il nisel, qablu, u li Huwa akbar minnu fil-qawwa u għandu aktar *(ġid)* miġbur. Iżda l-ħatjin ma jkunux mistoqsijin dwar dnubiethom *(għaliex Alla diġà jaf kulma għamlu, u għad jieħdu l-kastig f'ħinu)*.

79. U ħareġ fost niesu *(jiddandan)* bl-aqwa ħwejjeġ *(hekk li)* dawk li jfittxu l-ħajja ta' *(din)* id-dinja qalu: "Mhux li kellna bħal dak li ngħata Qārūn! Tassew għandu xorti kbira!"

80. Iżda dawk li ngħataw l-għarfien qalu*(lhom)*: "Ħażin għalikom! Il-ħlas ta' Alla huwa aħjar għal min jemmen u jagħmel il-ġid. Iżda *(dan il-ħlas)* ma jiksbuhx għajr dawk li jistabru."

81. U ftaħna l-art taħtu u belgħet lilu u lil daru *(bit-teżori tiegħu b'kollox)*. Ma kellu ebda ġemgħa li setgħet tgħinu, barra minn Alla, u ma kienx minn dawk li jeħilsu lilhom infushom *(mill-kastig tal-biża')*.

82. Dawk li sal-bieraħ kienu jixtiequ jeħdulu postu *(lil Qārūn, u wara li raw dak li għadda minnu)*, l-għada bdew jgħidu *(bi ndiema)*: "Huwa Alla, tabilħaqq, li jkattar il-ġid tiegħu fuq min irid fost il-qaddejja tiegħu, kif ukoll inaqqsu *(lil min jidhirlu)*. Li kieku mhux għaliex Alla ħenn għalina, kieku *(diġà)* ġiegħel l-art tinfetaħ u tiblagħna! Tabilħaqq li dawk li ċaħdu t-twemmin ma jmorrux tajjeb."

83. Dik id-Dar *(fil-Ħajja)* l-Oħra nagħtuha lil dawk li ma jridux jogħlew *(u jitkabbru)* fuq l-art, u lanqas jagħmlu l-ħsara. It-tmiem *(mill-isbaħ)* huwa ta' dawk li jibżgħu minn Alla.

84. Min jiġi bl-għemil it-tajjeb, jingħata xi ħaġa aħjar minnu, u min jiġi bl-għemil il-ħażin *(għandu jkun jaf li)* dawk li jagħmlu l-ħażen ma jitħallsux jekk mhux ta' dak li kienu jagħmlu.

إِنَّ ٱلَّذِى فَرَضَ عَلَيْكَ ٱلْقُرْءَانَ لَرَآدُّكَ إِلَىٰ مَعَادٍ ۚ قُل رَّبِّىٓ
أَعْلَمُ مَن جَآءَ بِٱلْهُدَىٰ وَمَنْ هُوَ فِى ضَلَٰلٍ مُّبِينٍ ﴿85﴾ وَمَا كُنتَ
تَرْجُوٓا۟ أَن يُلْقَىٰٓ إِلَيْكَ ٱلْكِتَٰبُ إِلَّا رَحْمَةً مِّن رَّبِّكَ ۖ
فَلَا تَكُونَنَّ ظَهِيرًا لِّلْكَٰفِرِينَ ﴿86﴾ وَلَا يَصُدُّنَّكَ عَنْ ءَايَٰتِ
ٱللَّهِ بَعْدَ إِذْ أُنزِلَتْ إِلَيْكَ ۖ وَٱدْعُ إِلَىٰ رَبِّكَ ۖ وَلَا تَكُونَنَّ مِنَ
ٱلْمُشْرِكِينَ ﴿87﴾ وَلَا تَدْعُ مَعَ ٱللَّهِ إِلَٰهًا ءَاخَرَ ۘ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا
هُوَ ۚ كُلُّ شَىْءٍ هَالِكٌ إِلَّا وَجْهَهُۥ ۚ لَهُ ٱلْحُكْمُ وَإِلَيْهِ تُرْجَعُونَ ﴿88﴾

سُورَةُ العَنكَبُوتِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

نصف الحزب 40

الٓمٓ ﴿1﴾ أَحَسِبَ ٱلنَّاسُ أَن يُتْرَكُوٓا۟ أَن يَقُولُوٓا۟ ءَامَنَّا وَهُمْ لَا
يُفْتَنُونَ ﴿2﴾ وَلَقَدْ فَتَنَّا ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ ۖ فَلَيَعْلَمَنَّ ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ
صَدَقُوا۟ وَلَيَعْلَمَنَّ ٱلْكَٰذِبِينَ ﴿3﴾ أَمْ حَسِبَ ٱلَّذِينَ يَعْمَلُونَ
ٱلسَّيِّـَٔاتِ أَن يَسْبِقُونَا ۚ سَآءَ مَا يَحْكُمُونَ ﴿4﴾ مَن كَانَ يَرْجُوا۟
لِقَآءَ ٱللَّهِ فَإِنَّ أَجَلَ ٱللَّهِ لَءَاتٍ ۚ وَهُوَ ٱلسَّمِيعُ ٱلْعَلِيمُ ﴿5﴾ وَمَن
جَٰهَدَ فَإِنَّمَا يُجَٰهِدُ لِنَفْسِهِۦٓ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ لَغَنِىٌّ عَنِ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿6﴾

85. Tabilħaqq li Dak li *(niżżel fuqek u)* ordnalek il-Qoran se jreġġgħek lura lejn l-imkien imwiegħed *(il-belt ta' Mekka)*. Għid *(Muħammad lill-pagani li jisħqu li inti tinsab imqarraq)*: "Sidi jaf aħjar min ġie bi tmexxija tajba, u min jinsab f'telfien biċ-ċar!"

86. U ma kontx tittama li jitniżżillek il-Ktieb *(u li nagħmlu minnek Profeta, u dan ma huwiex)* għajr ħniena minn Sidek. Għalhekk ara li ma tkunx ta' għajnuna għal dawk li ċaħdu t-twemmin *(anzi ċanfarhom u wrihom li qegħdin iqarrqu bihom infushom)*!

87. Ara li ma jżommukx mill-versi ta' Alla wara li tniżżlulek! Sejjaħ *(lin-nies)* lejn Sidek, u la tkunx minn dawk li jxierku allat oħra ma' Alla!

88. U la ssejjaħx ma' Alla alla ieħor! Ma hemmx alla ħliefu. Kollox jintemm, ħlief Wiċċu. Tiegħu l-Ġudizzju, u lejh titreġġgħu lura.

29. *Sūratu l-Għankabūt*

(Suret il-Brimba – Niżlet f'Mekka
ħlief għall-versi 1-11 li niżlu f'Medina. Niżlet b'69 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *'Alif. Lām. Mīm.*

2. Jaqaw in-nies ħasbu li se jitħallew jgħidu: "Nemmnu" mingħajr ma jiġġarrbu *(biex naraw kemm tassew jemmnu)*?

3. Aħna tassew ġarrabna lil ta' qabilhom, u Alla tassew jaf lil dawk li qalu s-sewwa, u jaf lill-giddibin.

4. Jaqaw dawk li jagħmlu l-ħażen ħasbu li se jaqbżulna *(u ma jeħdux il-kastig)*? Ħażin il-ħsieb tagħhom!

5. Min jittama fil-laqgħa ma' Alla *(għandu jkun jaf li)* tabilħaqq iż-żmien ta' Alla ġej *(meta r-rebħa tkun tat-tajbin fid-dinja, u jkollhom il-premju f'Jum il-Qawmien)*! Huwa li jisma' kollox u jaf kollox.

6. Min iħabrek *(biex jimxi fit-twemmin ta' Alla)*, iħabrek *(għall-ġid spiritwali)* tiegħu nnifsu. Tabilħaqq li Alla ma jeħtieġx il-ħolqien *(tiegħu)*.

وَالَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ لَنُكَفِّرَنَّ عَنْهُمْ سَيِّـَٔاتِهِمْ
وَلَنَجْزِيَنَّهُمْ أَحْسَنَ ٱلَّذِى كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ ﴿7﴾ وَوَصَّيْنَا ٱلْإِنسَٰنَ
بِوَٰلِدَيْهِ حُسْنًا ۖ وَإِن جَٰهَدَاكَ لِتُشْرِكَ بِى مَا لَيْسَ لَكَ بِهِۦ عِلْمٌ
فَلَا تُطِعْهُمَآ ۚ إِلَىَّ مَرْجِعُكُمْ فَأُنَبِّئُكُم بِمَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿8﴾
وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ لَنُدْخِلَنَّهُمْ فِى ٱلصَّٰلِحِينَ
﴿9﴾ وَمِنَ ٱلنَّاسِ مَن يَقُولُ ءَامَنَّا بِٱللَّهِ فَإِذَآ أُوذِىَ فِى ٱللَّهِ جَعَلَ
فِتْنَةَ ٱلنَّاسِ كَعَذَابِ ٱللَّهِ وَلَئِن جَآءَ نَصْرٌ مِّن رَّبِّكَ لَيَقُولُنَّ
إِنَّا كُنَّا مَعَكُمْ ۚ أَوَلَيْسَ ٱللَّهُ بِأَعْلَمَ بِمَا فِى صُدُورِ ٱلْعَٰلَمِينَ
﴿10﴾ وَلَيَعْلَمَنَّ ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَلَيَعْلَمَنَّ ٱلْمُنَٰفِقِينَ
﴿11﴾ وَقَالَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لِلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ٱتَّبِعُوا۟ سَبِيلَنَا
وَلْنَحْمِلْ خَطَٰيَٰكُمْ وَمَا هُم بِحَٰمِلِينَ مِنْ خَطَٰيَٰهُم مِّن
شَىْءٍ ۖ إِنَّهُمْ لَكَٰذِبُونَ ﴿12﴾ وَلَيَحْمِلُنَّ أَثْقَالَهُمْ وَأَثْقَالًا
مَّعَ أَثْقَالِهِمْ ۖ وَلَيُسْـَٔلُنَّ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ عَمَّا كَانُوا۟ يَفْتَرُونَ
﴿13﴾ وَلَقَدْ أَرْسَلْنَا نُوحًا إِلَىٰ قَوْمِهِۦ فَلَبِثَ فِيهِمْ أَلْفَ سَنَةٍ
إِلَّا خَمْسِينَ عَامًا فَأَخَذَهُمُ ٱلطُّوفَانُ وَهُمْ ظَٰلِمُونَ ﴿14﴾

7. U dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba, Aħna tassew inħassrulhom dnubiethom u tassew inħallsuhom ta' l-aħjar *(għemejjel)* li kienu jagħmlu.
8. L-amar tagħna lill-bniedem huwa li juri tjubija mal-ġenituri tiegħu, iżda jekk jagħfsuk biex ixxierek miegħi dak li ma għandekx għarfien dwaru, tismax minnhom! Lejja terġgħu lura, u *(dakinhar)* inħabbrilkom dak li kontu tagħmlu.
9. Lil dawk li jemmnu u jagħmlu għemejjel tajba tassew indaħħluhom mal-ġusti.
10. Fost in-nies hemm min jgħid: "Nemmnu f'Alla," iżda meta tmisshom xi tbatija, għal Alla *(minħabba t-twemmin tagħhom)*, huma jagħmlu t-tiġrib tan-nies *(l-oħra kontrihom)* bħallikieku kien il-kastig ta' Alla *(u malajr jaqtgħu jieshom għal kollox)*. U meta tiġi għajnuna minn Sidek, tassew jgħidu*(lek Muħammad)*: "Aħna tabilħaqq konna magħkom!" Jaqaw Alla ma jafx aktar b'dak li hemm fi qlub il-ħolqien *(tiegħu kollu)*?
11. Alla tassew jaf lil dawk li jemmnu, u tassew jaf lil dawk ta' wiċċ b'ieħor.
12. Dawk li ċaħdu t-twemmin jgħidu lil dawk li jemmnu: "Imxu fit-triq tagħna, u aħna nġorru l-ħtijiet tagħkom." Huma ma jġorru xejn mill-ħtijiet tagħhom. Huma tabilħaqq giddibin.
13. Huma tassew għad iġorru t-toqol tagħhom, u toqol *(ieħor)* mat-toqol tagħhom, u tassew ikunu mistoqsijin f'Jum il-Qawmien dwar dak li kienu jaqilgħu minn żniedhom.
14. Aħna tabilħaqq bgħatna lil Noè għand niesu u baqa' magħhom *(iħabbrilhom it-twemmin safi u jwissihom, għal)* elf sena neqsin ħamsin. U ħadhom l-għargħar *(għal għarrieda)* meta kienu ħżiena.

فَأَنجَيْنَٰهُ وَأَصْحَٰبَ ٱلسَّفِينَةِ وَجَعَلْنَٰهَآ ءَايَةً لِّلْعَٰلَمِينَ
(15) وَإِبْرَٰهِيمَ إِذْ قَالَ لِقَوْمِهِ ٱعْبُدُوا۟ ٱللَّهَ وَٱتَّقُوهُ ۖ ذَٰلِكُمْ
خَيْرٌ لَّكُمْ إِن كُنتُمْ تَعْلَمُونَ (16) إِنَّمَا تَعْبُدُونَ مِن
دُونِ ٱللَّهِ أَوْثَٰنًا وَتَخْلُقُونَ إِفْكًا ۚ إِنَّ ٱلَّذِينَ تَعْبُدُونَ مِن
دُونِ ٱللَّهِ لَا يَمْلِكُونَ لَكُمْ رِزْقًا فَٱبْتَغُوا۟ عِندَ ٱللَّهِ ٱلرِّزْقَ
وَٱعْبُدُوهُ وَٱشْكُرُوا۟ لَهُۥٓ ۖ إِلَيْهِ تُرْجَعُونَ (17) وَإِن تُكَذِّبُوا۟
فَقَدْ كَذَّبَ أُمَمٌ مِّن قَبْلِكُمْ ۖ وَمَا عَلَى ٱلرَّسُولِ إِلَّا ٱلْبَلَٰغُ
ٱلْمُبِينُ (18) أَوَلَمْ يَرَوْا۟ كَيْفَ يُبْدِئُ ٱللَّهُ ٱلْخَلْقَ ثُمَّ
يُعِيدُهُۥٓ ۚ إِنَّ ذَٰلِكَ عَلَى ٱللَّهِ يَسِيرٌ (19) قُلْ سِيرُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ
فَٱنظُرُوا۟ كَيْفَ بَدَأَ ٱلْخَلْقَ ۚ ثُمَّ ٱللَّهُ يُنشِئُ ٱلنَّشْأَةَ ٱلْءَاخِرَةَ ۚ
إِنَّ ٱللَّهَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ (20) يُعَذِّبُ مَن يَشَآءُ وَيَرْحَمُ
مَن يَشَآءُ ۖ وَإِلَيْهِ تُقْلَبُونَ (21) وَمَآ أَنتُم بِمُعْجِزِينَ فِى
ٱلْأَرْضِ وَلَا فِى ٱلسَّمَآءِ ۖ وَمَا لَكُم مِّن دُونِ ٱللَّهِ مِن وَلِىٍّ
وَلَا نَصِيرٍ (22) وَٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ وَلِقَآئِهِۦٓ
أُو۟لَٰٓئِكَ يَئِسُوا۟ مِن رَّحْمَتِى وَأُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ (23)

15. Għalhekk ħlisna lilu u lil dawk li kienu fl-arka u *(dik il-ġrajja)* għamilnieha sinjal għall-ħolqien *(kollu)*.
16. U *(konna bgħatna wkoll)* lil Abraham, meta qal lil niesu: "Qimu lil Alla u ibżgħu minnu! Dan ikun aħjar għalikom *(mill-qima li tagħtu lill-idoli)*, li kieku kontu tafu!"
17. Intom qegħdin tqimu biss idoli, minflok lil Alla, u taqilgħu l-gideb. Tabilħaqq li dawk li tqimu, minflok Alla, ma għandhomx ġid x'jagħtukom, u għalhekk fittxu l-għajxien *(tagħkom)* mingħand Alla, qimuh u iżżuh ħajr! Lejh għad titreġġgħu lura *(u Huwa jagħmel il-kontijiet magħkom)*!
18. U jekk tgiddbu *(lill-Mibgħutin tagħna u tiċħduhom, kunu afu li)* qabilkom ġnus *(oħra wkoll)* giddbu*(hom u t-tmiem tagħhom kien mill-aġħar)*. Dmir il-Mibgħut huwa biss li jħabbar biċ-ċar.
19. Mela ma jarawx kif Alla jibda l-ħolqien, u mbagħad jerġa' jibdieh. Tabilħaqq li dak għal Alla huwa ħafif.
20. Għid*(ilhom Muħammad lil dawk li jiċħdu l-qawmien mill-imwiet)*: "Terrqu fl-art u araw kif Alla beda l-ħolqien. Imbagħad Alla, *(meta jerġa' jqajjem lil kulħadd mill-mewt)* jagħmel l-aħħar ħolqien. Alla tabilħaqq fuq kollox Setgħan.
21. Huwa jikkastiga lil min irid, u jħenn għal min irid, u lejh titreġġgħu lura *(f'Jum il-Qawmien)*.
22. U intom ma taħarbux *(il-kastig ta' Alla)*, la fuq l-art u lanqas fis-sema, u mingħajr Alla la għandkom min iħariskom u lanqas min jgħinkom."
23. Dawk li jiċħdu s-sinjali ta' Alla u l-laqgħa miegħu, dawk huma li qatgħu jieshom mill-ħniena tiegħi, u dawk għandhom kastig ta' wġigħ.

فَمَا كَانَ جَوَابَ قَوْمِهِۦٓ إِلَّآ أَن قَالُوا۟ ٱقْتُلُوهُ أَوْ حَرِّقُوهُ
فَأَنجَىٰهُ ٱللَّهُ مِنَ ٱلنَّارِ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَـَٔايَٰتٍ لِّقَوْمٍ يُؤْمِنُونَ
﴿24﴾ وَقَالَ إِنَّمَا ٱتَّخَذْتُم مِّن دُونِ ٱللَّهِ أَوْثَٰنًا مَّوَدَّةَ بَيْنِكُمْ
فِى ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا ۖ ثُمَّ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ يَكْفُرُ بَعْضُكُم
بِبَعْضٍ وَيَلْعَنُ بَعْضُكُم بَعْضًا وَمَأْوَىٰكُمُ ٱلنَّارُ
وَمَا لَكُم مِّن نَّٰصِرِينَ ﴿25﴾ ۞ فَـَٔامَنَ لَهُۥ لُوطٌ ۘ وَقَالَ
إِنِّى مُهَاجِرٌ إِلَىٰ رَبِّىٓ ۖ إِنَّهُۥ هُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ ﴿26﴾ وَوَهَبْنَا
لَهُۥٓ إِسْحَٰقَ وَيَعْقُوبَ وَجَعَلْنَا فِى ذُرِّيَّتِهِ ٱلنُّبُوَّةَ وَٱلْكِتَٰبَ
وَءَاتَيْنَٰهُ أَجْرَهُۥ فِى ٱلدُّنْيَا ۖ وَإِنَّهُۥ فِى ٱلْـَٔاخِرَةِ لَمِنَ ٱلصَّٰلِحِينَ
﴿27﴾ وَلُوطًا إِذْ قَالَ لِقَوْمِهِۦٓ إِنَّكُمْ لَتَأْتُونَ ٱلْفَٰحِشَةَ
مَا سَبَقَكُم بِهَا مِنْ أَحَدٍ مِّنَ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿28﴾
أَئِنَّكُمْ لَتَأْتُونَ ٱلرِّجَالَ وَتَقْطَعُونَ ٱلسَّبِيلَ وَتَأْتُونَ
فِى نَادِيكُمُ ٱلْمُنكَرَ ۖ فَمَا كَانَ جَوَابَ قَوْمِهِۦٓ إِلَّآ
أَن قَالُوا۟ ٱئْتِنَا بِعَذَابِ ٱللَّهِ إِن كُنتَ مِنَ ٱلصَّٰدِقِينَ
﴿29﴾ قَالَ رَبِّ ٱنصُرْنِى عَلَى ٱلْقَوْمِ ٱلْمُفْسِدِينَ ﴿30﴾

ثلاثة أرباع الحزب 40

وَلَمَّا

24. It-tweġiba ta' niesu ma kinitx għajr li qalu: "Oqtluh jew aħarquh *(biex neħilsu minnu u nistrieħu minn kliemu)*!" U Alla ħelsu min-nar *(li huma kebbsu għalih)*. F'dan tabilħaqq hawn sinjali għal nies li jemmnu.

25. Qal *(Abraham)*: "Intom ma ħadtux lill-idoli *(bħala allat)* minflok lil Alla jekk mhux b'turija ta' mħabba lejn xulxin fil-ħajja *(f'din)* id-dinja. Imbagħad f'Jum il-Qawmien tiċħdu lil xulxin, u tisħtu lil xulxin, u l-għamara tagħkom tkun fin-Nar. Ma jkollkomx min jaqbeż għalikom."

26. Lot emmen fih *(f'Abraham)*, u qal*(lu Abraham)*: "Jiena se nitlaq minn arti għal Sidi *(il-Mulej biex inxandar it-twemmin safi)*. Huwa tabilħaqq il-Qawwi u l-Għaref."

27. U *(lil Abraham)* tajnieh lil Iżakk u lil Ġakobb, u f'nislu qegħedna l-profezija u l-Ktieb, u tajnieh ħlasu fid-dinja. Tabilħaqq li fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)* huwa jkun mal-ġusti.

28. U *(ftakar)* f'Lot meta qal lil niesu: "Intom tajtuha għall-faħx li ħadd qabilkom fil-ħolqien ma għamel bħalu.

29. Intom tersqu lejn l-irġiel *(l-oħra bħalkom biex ikollkom x'taqsmu magħhom, barra li)* tisirqu *(u toqtlu)* lin-nies *(waqt li jterrqu)* fit-toroq, u tagħmlu għemejjel koroh fil-laqgħat tagħkom." Iżda t-tweġiba ta' niesu ma kinitx għajr li qalu*(lu b'żebliħ)*: "Ġibilna l-kastig ta' Alla *(li qiegħed theddidna bih)*, jekk qiegħed tgħid is-sewwa!"

30. *(Lot)* qal: "Sidi *(il-Mulej)*, agħtini r-rebħa fuq nies il-ħsara."

وَلَمَّا جَآءَتْ رُسُلُنَآ إِبْرَٰهِيمَ بِٱلْبُشْرَىٰ قَالُوٓا۟ إِنَّا مُهْلِكُوٓا۟
أَهْلِ هَٰذِهِ ٱلْقَرْيَةِ ۖ إِنَّ أَهْلَهَا كَانُوا۟ ظَٰلِمِينَ ﴿31﴾
قَالَ إِنَّ فِيهَا لُوطًا ۚ قَالُوا۟ نَحْنُ أَعْلَمُ بِمَن فِيهَا ۖ لَنُنَجِّيَنَّهُۥ
وَأَهْلَهُۥٓ إِلَّا ٱمْرَأَتَهُۥ كَانَتْ مِنَ ٱلْغَٰبِرِينَ ﴿32﴾ وَلَمَّآ
أَن جَآءَتْ رُسُلُنَا لُوطًا سِىٓءَ بِهِمْ وَضَاقَ بِهِمْ ذَرْعًا
وَقَالُوا۟ لَا تَخَفْ وَلَا تَحْزَنْ ۖ إِنَّا مُنَجُّوكَ وَأَهْلَكَ إِلَّا ٱمْرَأَتَكَ
كَانَتْ مِنَ ٱلْغَٰبِرِينَ ﴿33﴾ إِنَّا مُنزِلُونَ عَلَىٰٓ أَهْلِ
هَٰذِهِ ٱلْقَرْيَةِ رِجْزًا مِّنَ ٱلسَّمَآءِ بِمَا كَانُوا۟ يَفْسُقُونَ
﴿34﴾ وَلَقَد تَّرَكْنَا مِنْهَآ ءَايَةًۢ بَيِّنَةً لِّقَوْمٍ يَعْقِلُونَ
﴿35﴾ وَإِلَىٰ مَدْيَنَ أَخَاهُمْ شُعَيْبًا فَقَالَ يَٰقَوْمِ ٱعْبُدُوا۟
ٱللَّهَ وَٱرْجُوا۟ ٱلْيَوْمَ ٱلْءَاخِرَ وَلَا تَعْثَوْا۟ فِى ٱلْأَرْضِ مُفْسِدِينَ
﴿36﴾ فَكَذَّبُوهُ فَأَخَذَتْهُمُ ٱلرَّجْفَةُ فَأَصْبَحُوا۟ فِى
دَارِهِمْ جَٰثِمِينَ ﴿37﴾ وَعَادًا وَثَمُودَا۟ وَقَد تَّبَيَّنَ
لَكُم مِّن مَّسَٰكِنِهِمْ ۖ وَزَيَّنَ لَهُمُ ٱلشَّيْطَٰنُ
أَعْمَٰلَهُمْ فَصَدَّهُمْ عَنِ ٱلسَّبِيلِ وَكَانُوا۟ مُسْتَبْصِرِينَ ﴿38﴾

31. Meta l-Mibgħutin tagħna *(li kienu anġli)* ġew għand Abraham bil-bxara t-tajba *(tat-twelid ta' ibnu Iżakk)* qalu*(lu)*: "Aħna se neqirdu nies din il-belt *(ta' Sodoma)*. Tabilħaqq li niesha huma ħżiena."
32. Qal *(Abraham, imnikket)*: "Hemm Lot fiha." Qalu*(lu l-Mibgħutin ta' Alla)*: "Aħna nafu aktar b'min jinsab fiha! Aħna tassew se neħilsu lilu u lil niesu, ħlief lil martu, għaliex tkun ma' dawk li jibqgħu lura u jinqerdu."
33. Meta l-Mibgħutin tagħna ġew għand Lot *(f'għamla ta' żgħażagħ sbieħ)* huwa tnikket għalihom, u ddejjaq għaliex ħass li ma setax iħarishom *(mill-ħażen ta' niesu li seta' jiġi fuqhom)*. Iżda huma qalu*(lu)*: "La tibżax, u la titnikkitx! Aħna se neħilsu lilek u lil niesek, ħlief lil martek, li tkun ma' dawk li jibqgħu lura u jinqerdu.
34. Aħna tabilħaqq se nniżżlu fuq nies din il-belt kastig mis-sema tal-ħażen li qegħdin jagħmlu."
35. Minnha *(il-belt ta' Sodoma)* tassew għamilna sinjal ċar għal nies bil-għaqal.
36. U lil *(nies)* Madjan *(bgħatnielhom)* lil ħuhom Xugħajb u qal*(ilhom)*: "Ja niesi, qimu lil Alla, ittamaw fl-Aħħar Jum, u tagħmlux ħażen fuq l-art bil-ħsara tagħkom!"
37. Iżda giddbuh, u ħadithom it-tregħida *(l-kbira għal għarrieda li ħasdithom)*, u mas-sebħ kienu mixħutin *(fl-art, mejtin)* fi djarhom.
38. U *(fiakar)* f'Għād u f'Ṯamūd. Tassew jidher ċar għalikom *(dak li ġralhom minn dak li baqa')* minn djarhom. Ix-Xitan żejnilhom l-għemejjel *(ħżiena)* tagħhom *(hekk li tgħaxxqu bihom)* u żammhom mit-triq *(tas-sewwa)*, minkejja li kien jilħqilhom *(u kienu jafu x'qegħdin jagħmlu)*.

وَقَٰرُونَ وَفِرْعَوْنَ وَهَٰمَٰنَ ۖ وَلَقَدْ جَآءَهُم مُّوسَىٰ
بِٱلْبَيِّنَٰتِ فَٱسْتَكْبَرُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ وَمَا كَانُوا۟ سَٰبِقِينَ
﴿39﴾ فَكُلًّا أَخَذْنَا بِذَنۢبِهِۦ ۖ فَمِنْهُم مَّنْ أَرْسَلْنَا عَلَيْهِ حَاصِبًا
وَمِنْهُم مَّنْ أَخَذَتْهُ ٱلصَّيْحَةُ وَمِنْهُم مَّنْ خَسَفْنَا بِهِ
ٱلْأَرْضَ وَمِنْهُم مَّنْ أَغْرَقْنَا ۚ وَمَا كَانَ ٱللَّهُ لِيَظْلِمَهُمْ
وَلَٰكِن كَانُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ يَظْلِمُونَ ﴿40﴾ مَثَلُ ٱلَّذِينَ
ٱتَّخَذُوا۟ مِن دُونِ ٱللَّهِ أَوْلِيَآءَ كَمَثَلِ ٱلْعَنكَبُوتِ
ٱتَّخَذَتْ بَيْتًا ۖ وَإِنَّ أَوْهَنَ ٱلْبُيُوتِ لَبَيْتُ ٱلْعَنكَبُوتِ ۖ
لَوْ كَانُوا۟ يَعْلَمُونَ ﴿41﴾ إِنَّ ٱللَّهَ يَعْلَمُ مَا يَدْعُونَ مِن
دُونِهِۦ مِن شَىْءٍ ۚ وَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ ﴿42﴾ وَتِلْكَ
ٱلْأَمْثَٰلُ نَضْرِبُهَا لِلنَّاسِ ۖ وَمَا يَعْقِلُهَآ إِلَّا ٱلْعَٰلِمُونَ
﴿43﴾ خَلَقَ ٱللَّهُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ بِٱلْحَقِّ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ
لَءَايَةً لِّلْمُؤْمِنِينَ ﴿44﴾ ٱتْلُ مَآ أُوحِىَ إِلَيْكَ مِنَ ٱلْكِتَٰبِ
وَأَقِمِ ٱلصَّلَوٰةَ ۖ إِنَّ ٱلصَّلَوٰةَ تَنْهَىٰ عَنِ ٱلْفَحْشَآءِ
وَٱلْمُنكَرِ ۗ وَلَذِكْرُ ٱللَّهِ أَكْبَرُ ۗ وَٱللَّهُ يَعْلَمُ مَا تَصْنَعُونَ ﴿45﴾

39. *(Ftakar ukoll, Muħammad)* f'Qārūn, fil-Fargħun, u f'Hāmān *(il-ministru tiegħu)*. Mosè ġiehom bis-sinjali ċ-ċari, u huma tkabbru fuq l-art, iżda ma setgħux jaqbżu*(lna u jaħarbu l-kastig tagħna)*.

40. U lil kull wieħed ikkastigajna minħabba d-dnub tiegħu: lil uħud minnhom bgħatnielhom riefnu u xita ta' ġebel, oħrajn ħadhom ħoss qawwi *(għal għarrieda)*, oħrajn ġegħelna l-art tiblagħhom, filwaqt li oħrajn għerriqniehom. Mhux Alla li naqas lejhom *(meta kkastigahom)* iżda kienu huma li naqsu lejhom infushom *(u kien jistħoqqilhom il-kastig)*.

41. Dawk *(il-pagani)* li ħadu lil ħaddieħor biex jaqbeż għalihom, minflok lil Alla, jixbhu lil brimba li bniet bejta *(għanqbuta)*, u tabilħaqq li l-aktar dgħajfa fost il-bejtiet hija l-bejta tal-brimba, li kieku kienu jafu *(x'qegħdin iqimu)*.

42. Tabilħaqq li Alla jaf xi jsejħu minfloku, u Huwa l-Qawwi u l-Għaref.

43. Dawn huma t-tixbihat li nxebbhu għan-nies, iżda ma jifhmuhomx għajr l-għorrief.

44. Alla ħalaq is-smewwiet u l-art bis-sewwa. F'dan *(il-ħolqien kollu)* tassew hawn sinjal *(ta' Alla Wieħed)* għal min jemmen.

45. Ħabbar *(Muħammad)* dak li tnebbaħlek mill-Ktieb, u agħmel it-talb! Tabilħaqq li t-talb ibiegħed l-għemejjel faħxija u l-ħażen. It-tifkira ta' Alla hija l-akbar *(ħaġa li tista' tagħmel)*. Alla jaf x'qegħdin tagħmlu.

الجزء 21
الحزب 41

۞ وَلَا تُجَٰدِلُوٓا۟ أَهْلَ ٱلْكِتَٰبِ إِلَّا بِٱلَّتِى هِىَ أَحْسَنُ إِلَّا
ٱلَّذِينَ ظَلَمُوا۟ مِنْهُمْ ۖ وَقُولُوٓا۟ ءَامَنَّا بِٱلَّذِىٓ أُنزِلَ إِلَيْنَا وَأُنزِلَ
إِلَيْكُمْ وَإِلَٰهُنَا وَإِلَٰهُكُمْ وَٰحِدٌ وَنَحْنُ لَهُۥ مُسْلِمُونَ ﴿46﴾
وَكَذَٰلِكَ أَنزَلْنَآ إِلَيْكَ ٱلْكِتَٰبَ ۚ فَٱلَّذِينَ ءَاتَيْنَٰهُمُ ٱلْكِتَٰبَ
يُؤْمِنُونَ بِهِۦ ۖ وَمِنْ هَٰٓؤُلَآءِ مَن يُؤْمِنُ بِهِۦ ۚ وَمَا يَجْحَدُ بِـَٔايَٰتِنَآ
إِلَّا ٱلْكَٰفِرُونَ ﴿47﴾ وَمَا كُنتَ تَتْلُوا۟ مِن قَبْلِهِۦ مِن كِتَٰبٍ
وَلَا تَخُطُّهُۥ بِيَمِينِكَ ۖ إِذًا لَّٱرْتَابَ ٱلْمُبْطِلُونَ ﴿48﴾ بَلْ هُوَ
ءَايَٰتٌۢ بَيِّنَٰتٌ فِى صُدُورِ ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْعِلْمَ ۚ وَمَا يَجْحَدُ
بِـَٔايَٰتِنَآ إِلَّا ٱلظَّٰلِمُونَ ﴿49﴾ وَقَالُوا۟ لَوْلَآ أُنزِلَ عَلَيْهِ
ءَايَٰتٌ مِّن رَّبِّهِۦ ۖ قُلْ إِنَّمَا ٱلْـَٔايَٰتُ عِندَ ٱللَّهِ وَإِنَّمَآ أَنَا۠ نَذِيرٌ
مُّبِينٌ ﴿50﴾ أَوَلَمْ يَكْفِهِمْ أَنَّآ أَنزَلْنَا عَلَيْكَ ٱلْكِتَٰبَ
يُتْلَىٰ عَلَيْهِمْ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَرَحْمَةً وَذِكْرَىٰ لِقَوْمٍ
يُؤْمِنُونَ ﴿51﴾ قُلْ كَفَىٰ بِٱللَّهِ بَيْنِى وَبَيْنَكُمْ شَهِيدًا ۖ
يَعْلَمُ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۗ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟
بِٱلْبَٰطِلِ وَكَفَرُوا۟ بِٱللَّهِ أُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْخَٰسِرُونَ ﴿52﴾

46. U tħaqquħiex ma' Nies il-Ktieb *(l-Insara u l-Lhud)* jekk mhux b'dak li huwa aħjar *(u b'mod xieraq)*, ħlief ma' dawk minnhom li jagħmlu l-ħażen *(u jitqabdu b'kefrija kontrikom)*. Għidu*(lhom)*: "Nemmnu f'dak *(il-Qoran)* li tniżżel lilna u *(fit-Torā u l-Evanġelju li)* tniżżel lilkom, u Alla tagħna u Alla tagħkom huwa Wieħed, u aħna ntlaqna f'idejh *(Misilmin)*."

47. Hekk niżżilnielek *(Muħammad)* il-Ktieb. U dawk *(il-Lhud u l-Insara)* li tajniehom il-Ktieb *(it-Torā u l-Evanġelju)* jemmnu fih *(il-Qoran)*, u fost dawn *(il-pagani f'Mekka)* ukoll hemm min jemmen fih. Ma jiċħdux is-sinjali tagħna jekk mhux dawk li ma jemmnux.

48. Inti *(Muħammad)* ma kont taqra ebda ktieb qablu *(dan il-Qoran)*, u lanqas ma ktibt *(ebda ktieb)* bil-leminija tiegħek. Inkella nies il-frugħa kienu jkunu bejn ħalltejn *(u jaħsbu li l-Qoran ikkupjajtu mill-Kotba mqaddsa li niżlu qablu)*.

49. Iżda *(il-Qoran ma huwiex hekk, imma)* huwa sinjali ċari *(mqiegħda)* fi qlub dawk li ngħataw l-għarfien. Ma jiċħdux is-sinjali tagħna jekk mhux il-ħżiena.

50. *(Il-pagani f'Mekka)* qalu: "Għaliex ma tniżżlux fuqu sinjali minn Sidu?" Għid*(ilhom Muħammad)*: "Is-sinjali huma għand Alla, u jiena biss wieħed li jwissi biċ-ċar *(dwar il-kastig imħejji għall-ħżiena)*."

51. Jaqaw ma huwiex biżżejjed għalihom li Aħna niżżilnielek il-Ktieb, u li *(issa)* jinqralhom? Tabilħaqq li f'dan *(il-Ktieb)* hawn ħniena *(għaliex jeħles lill-bniedem mit-telfien)* u tifkira għal nies li jemmnu.

52. Għid *(Muħammad lill-pagani)*: "Alla huwa biżżejjed bħala xhud bejni u bejnkom *(li jiena qiegħed inxandar is-sewwa tiegħu)*. Huwa jaf b'dak li hemm fis-smewwiet u fl-art *(u jekk qiegħed nigdeb, jikkastigani)*. U dawk li jemmnu fil-frugħat *(ta' l-idoli)*, u jiċħdu lil Alla, dawk huma t-tellifin!"

وَيَسْتَعْجِلُونَكَ بِالْعَذَابِ ۚ وَلَوْلَا أَجَلٌ مُّسَمًّى لَّجَاءَهُمُ الْعَذَابُ
وَلَيَأْتِيَنَّهُم بَغْتَةً وَهُمْ لَا يَشْعُرُونَ ﴿53﴾ يَسْتَعْجِلُونَكَ بِالْعَذَابِ
وَإِنَّ جَهَنَّمَ لَمُحِيطَةٌ بِالْكَافِرِينَ ﴿54﴾ يَوْمَ يَغْشَاهُمُ الْعَذَابُ
مِن فَوْقِهِمْ وَمِن تَحْتِ أَرْجُلِهِمْ وَيَقُولُ ذُوقُوا مَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ
﴿55﴾ يَا عِبَادِيَ الَّذِينَ آمَنُوا إِنَّ أَرْضِي وَاسِعَةٌ فَإِيَّايَ فَاعْبُدُونِ
﴿56﴾ كُلُّ نَفْسٍ ذَائِقَةُ الْمَوْتِ ۖ ثُمَّ إِلَيْنَا تُرْجَعُونَ ﴿57﴾ وَالَّذِينَ
آمَنُوا وَعَمِلُوا الصَّالِحَاتِ لَنُبَوِّئَنَّهُم مِّنَ الْجَنَّةِ غُرَفًا تَجْرِي
مِن تَحْتِهَا الْأَنْهَارُ خَالِدِينَ فِيهَا ۚ نِعْمَ أَجْرُ الْعَامِلِينَ ﴿58﴾ الَّذِينَ
صَبَرُوا وَعَلَىٰ رَبِّهِمْ يَتَوَكَّلُونَ ﴿59﴾ وَكَأَيِّن مِّن دَابَّةٍ لَّا تَحْمِلُ
رِزْقَهَا اللَّهُ يَرْزُقُهَا وَإِيَّاكُمْ ۚ وَهُوَ السَّمِيعُ الْعَلِيمُ ﴿60﴾ وَلَئِن
سَأَلْتَهُم مَّنْ خَلَقَ السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضَ وَسَخَّرَ الشَّمْسَ وَالْقَمَرَ
لَيَقُولُنَّ اللَّهُ ۖ فَأَنَّىٰ يُؤْفَكُونَ ﴿61﴾ اللَّهُ يَبْسُطُ الرِّزْقَ لِمَن يَشَاءُ مِنْ
عِبَادِهِ وَيَقْدِرُ لَهُ ۚ إِنَّ اللَّهَ بِكُلِّ شَيْءٍ عَلِيمٌ ﴿62﴾ وَلَئِن سَأَلْتَهُم
مَّن نَّزَّلَ مِنَ السَّمَاءِ مَاءً فَأَحْيَا بِهِ الْأَرْضَ مِن بَعْدِ مَوْتِهَا
لَيَقُولُنَّ اللَّهُ ۚ قُلِ الْحَمْدُ لِلَّهِ ۚ بَلْ أَكْثَرُهُمْ لَا يَعْقِلُونَ ﴿63﴾

53. Huma jriduk *(Muħammad)* tgħaġġlilhom il-kastig, u li kieku ma hemmx żmien maħsub *(għal meta tasal is-Siegħa tagħhom)*, il-kastig kien tassew jiġihom! Huwa tassew jiġi fuqhom għal għarrieda mingħajr ma jintebħu.
54. Huma jriduk tgħaġġlilhom il-kastig, u l-Infern tabilħaqq se jdawwar minn kullimkien lil dawk li ma jemmnux,
55. fil-Jum meta l-kastig idawwarhom, minn fuqhom u minn taħt riġlejhom, u *(Alla)* jgħid*(ilhom)*: "Duqu dak *(il-ħażen)* li kontu tagħmlu!"
56. Ja qaddejja tiegħi li temmnu, l-art tiegħi tabilħaqq wiesgħa, u għalhekk lili qimu!
57. Kull ruħ idduq il-mewt, imbagħad lejna titreġġgħu lura.
58. Dawk li jemmnu u jagħmlu t-tajjeb, tassew inqegħduhom f'għamajjar fil-Ġenna, bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom jibqgħu għal dejjem. Tassew sabiħ il-ħlas ta' dawk li jagħmlu *(it-tajjeb)*,
59. li jistabru u jħallu f'idejn Sidhom.
60. U kemm-il ħliqa *(dgħajfa)* ma ġġorrx l-għajxien tagħha! Alla jagħti lilha u lilkom l-għajxien. Huwa jisma' kollox u jaf kollox.
61. Jekk *(lill-pagani)* tistaqsihom min ħalaq is-smewwiet u l-art, u qiegħed ix-xemx u l-qamar taħt is-setgħa *(tiegħu)*, huma tassew jgħidu: "Alla!" Mela kif jitqarrqu *(meta jafu l-verità)*?
62. Alla jkattar il-ġid tiegħu fuq min irid mill-qaddejja tiegħu, kif ukoll inaqqsu *(lil min jidhirlu)*. Alla tabilħaqq jaf b'kollox.
63. U jekk *(lill-pagani)* tistaqsihom min iniżżel l-ilma mis-sema, u bih jagħti l-ħajja lill-art wara mewtha, huma tassew jgħidu: "Alla!" Għid *(Muħammad)*: "Tifħir lil Alla!" Iżda ħafna minnhom ma jifhmux.

وَمَا هَٰذِهِ ٱلْحَيَوٰةُ ٱلدُّنْيَآ إِلَّا لَهْوٌ وَلَعِبٌ ۚ وَإِنَّ ٱلدَّارَ ٱلْـَٔاخِرَةَ
لَهِىَ ٱلْحَيَوَانُ ۚ لَوْ كَانُوا۟ يَعْلَمُونَ ﴿64﴾ فَإِذَا رَكِبُوا۟ فِى
ٱلْفُلْكِ دَعَوُا۟ ٱللَّهَ مُخْلِصِينَ لَهُ ٱلدِّينَ فَلَمَّا نَجَّىٰهُمْ إِلَى ٱلْبَرِّ إِذَا
هُمْ يُشْرِكُونَ ﴿65﴾ لِيَكْفُرُوا۟ بِمَآ ءَاتَيْنَٰهُمْ وَلِيَتَمَتَّعُوا۟ ۖ فَسَوْفَ
يَعْلَمُونَ ﴿66﴾ أَوَلَمْ يَرَوْا۟ أَنَّا جَعَلْنَا حَرَمًا ءَامِنًا وَيُتَخَطَّفُ
ٱلنَّاسُ مِنْ حَوْلِهِمْ ۚ أَفَبِٱلْبَٰطِلِ يُؤْمِنُونَ وَبِنِعْمَةِ ٱللَّهِ يَكْفُرُونَ
﴿67﴾ وَمَنْ أَظْلَمُ مِمَّنِ ٱفْتَرَىٰ عَلَى ٱللَّهِ كَذِبًا أَوْ كَذَّبَ بِٱلْحَقِّ
لَمَّا جَآءَهُۥ ۚ أَلَيْسَ فِى جَهَنَّمَ مَثْوًى لِّلْكَٰفِرِينَ ﴿68﴾ وَٱلَّذِينَ
جَٰهَدُوا۟ فِينَا لَنَهْدِيَنَّهُمْ سُبُلَنَا ۚ وَإِنَّ ٱللَّهَ لَمَعَ ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿69﴾

سُورَةُ الرُّومِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

ربع الحزب 41

الٓمٓ ﴿1﴾ غُلِبَتِ ٱلرُّومُ ﴿2﴾ فِىٓ أَدْنَى ٱلْأَرْضِ وَهُم مِّنۢ بَعْدِ
غَلَبِهِمْ سَيَغْلِبُونَ ﴿3﴾ فِى بِضْعِ سِنِينَ ۗ لِلَّهِ ٱلْأَمْرُ
مِن قَبْلُ وَمِنۢ بَعْدُ ۚ وَيَوْمَئِذٍ يَفْرَحُ ٱلْمُؤْمِنُونَ ﴿4﴾
بِنَصْرِ ٱللَّهِ ۚ يَنصُرُ مَن يَشَآءُ ۖ وَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلرَّحِيمُ ﴿5﴾

64. Il-ħajja *(f'din)* id-dinja ma hijiex għajr mogħdija ta' żmien u logħob. Id-Dar *(fil-Ħajja)* l-Oħra – dik hija l-Ħajja tassew, li kieku kienu jafu!

65. Meta *(il-pagani)* jitilgħu fuq ġifen *(biex ibaħħru, fil-biża' tagħhom mill-għarqa tismagħhom)* isejħu lil Alla u joqogħdu għad-din tiegħu biss. Iżda meta jeħlishom *(mill-għawġ tal-baħar u jġibhom)* lejn l-art, arahom ixierku *(allat oħra)* miegħu.

66. Ħallihom jiċħdu dak *(il-ġid li għamilna magħhom u)* li tajniehom, u ħallihom igawdu *(ftit ieħor f'din id-dinja! Dalwaqt)* sa jkunu jafu *(x'ġej għalihom)*!

67. Mela ma jarawx li *(f'Mekka)* għamilna mkien imqaddes u fis-sod *(imħares mis-serq u mill-qtil, u li Mekka għamilnieha art imqaddsa)* filwaqt li madwarhom in-nies qegħdin jinħatfu *(minn djarhom u jinqatlu)*? Jaqaw dawn *(minkejja dan kollu, jibqgħu)* jemmnu fil-qerq u jiċħdu l-grazzja ta' Alla?

68. U min huwa agħar minn dak li jaqla' minn żniedu l-gideb dwar Alla, u jgiddeb is-sewwa meta jasallu? Jaqaw l-Infern ma huwiex l-għamara ta' dawk bla twemmin?

69. U lil dawk li jħabirku għalina, immexxuhom fit-toroq tagħna. Alla tabilħaqq huwa ma' dawk li jagħmlu l-ġid.

30. *Sūratu r-Rūm*

(Suret il-Biżantini – Niżlet f'Mekka b'60 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *'Alif. Lām. Mīm.*
2. Ingħelbu l-Biżantini
3. f'art fil-qrib *(tal-Persja)*, u huma, wara *(din)* it-telfa tagħhom, se jegħlbu *(lill-Persjani)*
4. fi ftit tas-snin *(oħra)*. Ta' Alla hija d-deċiżjoni, minn qabel *(it-telfa tal-Biżantini)* u wara *(it-telfa tal-Persjani)*. Dakinhar jifirħu dawk li jemmnu
5. bir-rebħa ta' Alla! Huwa jrebbaħ lil min irid, u Huwa l-Qawwi, il-Ħanin.

وَعْدَ ٱللَّهِ ۖ لَا يُخْلِفُ ٱللَّهُ وَعْدَهُۥ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ ٱلنَّاسِ لَا يَعْلَمُونَ
(6) يَعْلَمُونَ ظَٰهِرًا مِّنَ ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا وَهُمْ عَنِ ٱلْءَاخِرَةِ هُمْ غَٰفِلُونَ
(7) أَوَلَمْ يَتَفَكَّرُوا۟ فِىٓ أَنفُسِهِم ۗ مَّا خَلَقَ ٱللَّهُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ
وَمَا بَيْنَهُمَآ إِلَّا بِٱلْحَقِّ وَأَجَلٍ مُّسَمًّى ۗ وَإِنَّ كَثِيرًا مِّنَ ٱلنَّاسِ
بِلِقَآئِ رَبِّهِمْ لَكَٰفِرُونَ (8) أَوَلَمْ يَسِيرُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ فَيَنظُرُوا۟
كَيْفَ كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ ۚ كَانُوٓا۟ أَشَدَّ مِنْهُمْ قُوَّةً
وَأَثَارُوا۟ ٱلْأَرْضَ وَعَمَرُوهَآ أَكْثَرَ مِمَّا عَمَرُوهَا وَجَآءَتْهُمْ
رُسُلُهُم بِٱلْبَيِّنَٰتِ ۖ فَمَا كَانَ ٱللَّهُ لِيَظْلِمَهُمْ وَلَٰكِن كَانُوٓا۟
أَنفُسَهُمْ يَظْلِمُونَ (9) ثُمَّ كَانَ عَٰقِبَةَ ٱلَّذِينَ أَسَٰٓـُٔوا۟ ٱلسُّوٓأَىٰٓ
أَن كَذَّبُوا۟ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ وَكَانُوا۟ بِهَا يَسْتَهْزِءُونَ (10) ٱللَّهُ
يَبْدَؤُا۟ ٱلْخَلْقَ ثُمَّ يُعِيدُهُۥ ثُمَّ إِلَيْهِ تُرْجَعُونَ (11) وَيَوْمَ تَقُومُ
ٱلسَّاعَةُ يُبْلِسُ ٱلْمُجْرِمُونَ (12) وَلَمْ يَكُن لَّهُم مِّن شُرَكَآئِهِمْ
شُفَعَٰٓؤُا۟ وَكَانُوا۟ بِشُرَكَآئِهِمْ كَٰفِرِينَ (13) وَيَوْمَ
تَقُومُ ٱلسَّاعَةُ يَوْمَئِذٍ يَتَفَرَّقُونَ (14) فَأَمَّا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟
وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ فَهُمْ فِى رَوْضَةٍ يُحْبَرُونَ (15)

6. *(Din hija)* il-wegħda ta' Alla. Alla ma jiksirx il-wegħda tiegħu, iżda ħafna min-nies ma jafux.
7. Huma jafu dwar dak li jidher mill-ħajja *(f'din)* id-dinja, iżda dwar *(il-Ħajja)* l-Oħra ma jintebħux.
8. Jaqaw ma jaħsbux bejnhom u bejn ruħhom *(dwar il-ħolqien tagħhom infushom)*? Alla ma ħalaqx is-smewwiet u l-art, u dak li hemm bejniethom, jekk mhux bis-sewwa, u għal żmien maħsub. *(Madanakollu)* tabilħaqq li ħafna min-nies jiċħdu l-laqgħa ma' Sidhom *(il-Mulej)*.
9. Jaqaw ma terrqux fl-art u ma rawx kif kien tmiem dawk ta' qabilhom? Kienu ta' qawwa akbar minnhom *(fis-saħħa, fil-ġid materjali u fl-ulied)*, ħadmu l-art u bnewha aktar milli bnewha huma *(il-pagani)*, u ġewhom il-Mibgħutin tagħhom bis-sinjali ċ-ċari *(iżda huma ċaħduhom u giddbuhom)*. Mhux Alla li naqas lejhom *(meta kkastigahom)*, iżda kienu huma li naqsu lejhom infushom *(meta ċaħdu s-sinjali li ġewhom u għalhekk kien jistħoqqilhom il-kastig)*.
10. Imbagħad tmiem dawk li għamlu l-ħażen kien mill-agħar, talli giddbu s-sinjali ta' Alla u kienu jżebilħuhom.
11. Alla jibda l-ħolqien, imbagħad itennih, u mbagħad titreġġgħu lura għandu.
12. Fil-Jum li tasal is-Siegħa, il-ħatjin jitbikkmu bil-biża' u t-taħwid *(kbir li jaħkimhom, u jaqtgħu jieshom)*.
13. Ma jkollhomx min jidħol għalihom minn fost l-allat li xierku *(ma' Alla; mhux biss, talli)* jiċħdu lil *(dawn)* l-allat tagħhom.
14. Fil-Jum li tasal is-Siegħa, dakinhar jinfirdu *(it-tajbin mill-ħżiena)*.
15. Dawk li emmnu u għamlu l-ġid, dawk fi Ġnien jithennew.

وَأَمَّا ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ وَكَذَّبُوا۟ بِـَٔايَـٰتِنَا وَلِقَآءِ ٱلْـَٔاخِرَةِ فَأُو۟لَـٰٓئِكَ
فِى ٱلْعَذَابِ مُحْضَرُونَ ﴿16﴾ فَسُبْحَـٰنَ ٱللَّهِ حِينَ تُمْسُونَ
وَحِينَ تُصْبِحُونَ ﴿17﴾ وَلَهُ ٱلْحَمْدُ فِى ٱلسَّمَـٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ
وَعَشِيًّا وَحِينَ تُظْهِرُونَ ﴿18﴾ يُخْرِجُ ٱلْحَىَّ مِنَ ٱلْمَيِّتِ وَيُخْرِجُ
ٱلْمَيِّتَ مِنَ ٱلْحَىِّ وَيُحْىِ ٱلْأَرْضَ بَعْدَ مَوْتِهَا ۚ وَكَذَٰلِكَ تُخْرَجُونَ
﴿19﴾ وَمِنْ ءَايَـٰتِهِۦٓ أَنْ خَلَقَكُم مِّن تُرَابٍ ثُمَّ إِذَآ أَنتُم بَشَرٌ
تَنتَشِرُونَ ﴿20﴾ وَمِنْ ءَايَـٰتِهِۦٓ أَنْ خَلَقَ لَكُم مِّنْ أَنفُسِكُمْ
أَزْوَٰجًا لِّتَسْكُنُوٓا۟ إِلَيْهَا وَجَعَلَ بَيْنَكُم مَّوَدَّةً وَرَحْمَةً ۚ
إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَـَٔايَـٰتٍ لِّقَوْمٍ يَتَفَكَّرُونَ ﴿21﴾ وَمِنْ ءَايَـٰتِهِۦ خَلْقُ
ٱلسَّمَـٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَٱخْتِلَـٰفُ أَلْسِنَتِكُمْ وَأَلْوَٰنِكُمْ ۚ إِنَّ
فِى ذَٰلِكَ لَـَٔايَـٰتٍ لِّلْعَـٰلِمِينَ ﴿22﴾ وَمِنْ ءَايَـٰتِهِۦ مَنَامُكُم بِٱلَّيْلِ
وَٱلنَّهَارِ وَٱبْتِغَآؤُكُم مِّن فَضْلِهِۦٓ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَـَٔايَـٰتٍ
لِّقَوْمٍ يَسْمَعُونَ ﴿23﴾ وَمِنْ ءَايَـٰتِهِۦ يُرِيكُمُ ٱلْبَرْقَ
خَوْفًا وَطَمَعًا وَيُنَزِّلُ مِنَ ٱلسَّمَآءِ مَآءً فَيُحْىِ بِهِ ٱلْأَرْضَ
بَعْدَ مَوْتِهَا ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَـَٔايَـٰتٍ لِّقَوْمٍ يَعْقِلُونَ ﴿24﴾

16. Iżda dawk li ċaħdu t-twemmin u giddbu s-sinjali tagħna u l-laqgħa *(ma' Alla fil-Ħajja)* l-Oħra, dawk għall-kastig *(ta' dejjem)* jinġiebu.
17. Mela *(agħtu)* sebħ lil Alla meta tibdew l-għaxija u meta ssebbħu.
18. Lilu t-tifħir fis-smewwiet u fl-art, filgħaxija u meta jsirilkom nofsinhar!
19. Huwa joħroġ il-ħaj mill-mejjet, u joħroġ il-mejjet mill-ħaj, u jagħti l-ħajja lill-art wara mewtha. Hekk ukoll intom tinħarġu *(mill-oqbra biex tidhru quddiem Alla)*.
20. Fost is-sinjali tiegħu *(issibu)* li ħalaqkom mit-trab, imbagħad ara, sirtu bnedmin imxerrdin *(ma' kullimkien)*.
21. U fost is-sinjali tiegħu *(issibu)* li ħalqilkom nisa għalikom minnkom infuskom, biex issibu hena magħhom, u għamel l-imħabba u l-ħniena bejnietkom. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hawn sinjali għal nies li jafu jixtarru *(is-siwi tagħhom)*.
22. Fost is-sinjali tiegħu *(ukoll)* hemm il-ħolqien tas-smewwiet u l-art, u d-differenza fl-ilsna tagħkom u fi lwienkom. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hawn sinjali għall-għorrief.
23. U fost is-sinjali tiegħu hemm ir-raqda tagħkom billejl u binhar, u kif tfittxu l-għajxien tagħkom mit-tjieba tiegħu. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hawn sinjali għal nies li jisimgħu *(u jagħtu widen)*.
24. Fost is-sinjali tiegħu *(issibu)* li Huwa jurikom il-beraq, *(biex ikunilkom sew)* ta' biża' *(kif ukoll)* ta' tama, u jniżżel mis-sema ilma, u bih jagħti l-ħajja lill-art wara mewtha. Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hawn sinjali għal nies bil-għaqal.

وَمِنْ ءَايَٰتِهِۦٓ أَن تَقُومَ ٱلسَّمَآءُ وَٱلْأَرْضُ بِأَمْرِهِۦ ۚ ثُمَّ إِذَا دَعَاكُمْ
دَعْوَةً مِّنَ ٱلْأَرْضِ إِذَآ أَنتُمْ تَخْرُجُونَ ﴿25﴾ وَلَهُۥ مَن فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضِ ۖ كُلٌّ لَّهُۥ قَٰنِتُونَ ﴿26﴾ وَهُوَ ٱلَّذِى يَبْدَؤُا۟ ٱلْخَلْقَ
ثُمَّ يُعِيدُهُۥ وَهُوَ أَهْوَنُ عَلَيْهِ ۚ وَلَهُ ٱلْمَثَلُ ٱلْأَعْلَىٰ فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضِ ۚ وَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ ﴿27﴾ ضَرَبَ لَكُم مَّثَلًا مِّنْ
أَنفُسِكُمْ ۖ هَل لَّكُم مِّن مَّا مَلَكَتْ أَيْمَٰنُكُم مِّن شُرَكَآءَ فِى
مَا رَزَقْنَٰكُمْ فَأَنتُمْ فِيهِ سَوَآءٌ تَخَافُونَهُمْ كَخِيفَتِكُمْ
أَنفُسَكُمْ ۚ كَذَٰلِكَ نُفَصِّلُ ٱلْءَايَٰتِ لِقَوْمٍ يَعْقِلُونَ ﴿28﴾
بَلِ ٱتَّبَعَ ٱلَّذِينَ ظَلَمُوٓا۟ أَهْوَآءَهُم بِغَيْرِ عِلْمٍ ۖ فَمَن يَهْدِى مَنْ
أَضَلَّ ٱللَّهُ ۖ وَمَا لَهُم مِّن نَّٰصِرِينَ ﴿29﴾ فَأَقِمْ وَجْهَكَ لِلدِّينِ
حَنِيفًا ۚ فِطْرَتَ ٱللَّهِ ٱلَّتِى فَطَرَ ٱلنَّاسَ عَلَيْهَا ۚ لَا تَبْدِيلَ لِخَلْقِ
ٱللَّهِ ۚ ذَٰلِكَ ٱلدِّينُ ٱلْقَيِّمُ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ ٱلنَّاسِ
لَا يَعْلَمُونَ ﴿30﴾ ۞ مُنِيبِينَ إِلَيْهِ وَٱتَّقُوهُ وَأَقِيمُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ
وَلَا تَكُونُوا۟ مِنَ ٱلْمُشْرِكِينَ ﴿31﴾ مِنَ ٱلَّذِينَ فَرَّقُوا۟
دِينَهُمْ وَكَانُوا۟ شِيَعًا ۖ كُلُّ حِزْبٍۭ بِمَا لَدَيْهِمْ فَرِحُونَ ﴿32﴾

نصف الحزب 41

25. U fost is-sinjali tiegħu *(issibu)* li s-sema u l-art iżommu bl-amar tiegħu. Imbagħad meta jsejħilkom b'sejħa *(waħda)* mill-art, ara, intom toħorġu *(mill-oqbra biex tidhru quddiemu)*.

26. Tiegħu huwa kulmin jinsab fis-smewwiet u fl-art; kulħadd joqgħod għalih bil-qima!

27. Huwa li jibda l-ħolqien, imbagħad itennih. U dan eħfef għalih! Tiegħu l-ogħla kwalitajiet fis-smewwiet u fl-art. Huwa l-Qawwi, l-Għaref.

28. Huwa jagħmlilkom tixbiha minnkom infuskom. Jaqaw intom tagħmlu sħab ma' l-ilsiera li għandkom f'idejkom, f'dak li tajniekom għall-għajxien tagħkom, hekk li intom indaqs fih *(magħhom)*, u tibżgħu minnhom bħalma tibżgħu minn xulxin? *(Jekk ma taqblux li l-ilsiera jkunu sħab magħkom f'ġidkom, kif tridu li Alla jkollu sħab miegħu?)* Hekk infissru bir-reqqa s-sinjali *(tagħna)* lil nies bil-għaqal.

29. Iżda dawk li għamlu l-ħażen imxew wara x-xewqat tagħhom mingħajr għarfien. U min se jmexxi fit-triq it-tajba lil dawk li Alla tellifhielhom? *(Dawn)* ma jkollhomx min jgħinhom.

30. Mela żomm ħarstek *(Muħammad)* fuq id-din *(safi, l-Islam)* b'qalbek kollha u bi twemmin safi – *(din hija)* n-natura ta' Alla li fuqha Huwa sawwar lin-nies. Ma hemm ebda tibdil fil-ħolqien ta' Alla. Dak huwa d-din tassew, iżda ħafna min-nies ma jafux.

31. Duru lejh nedmin, ibżgħu minnu, agħmlu t-talb, u la tkunux minn dawk li jxierku *(allat ma' Alla)*,

32. dawk li ġabu l-firda fir-reliġjon tagħhom u saru setet, u kull ġemgħa tifraħ b'dak *(it-twemmin fieragħ)* li għandha.

وَإِذَا مَسَّ ٱلنَّاسَ ضُرٌّ دَعَوْا۟ رَبَّهُم مُّنِيبِينَ إِلَيْهِ ثُمَّ إِذَآ أَذَاقَهُم
مِّنْهُ رَحْمَةً إِذَا فَرِيقٌ مِّنْهُم بِرَبِّهِمْ يُشْرِكُونَ ﴿33﴾ لِيَكْفُرُوا۟ بِمَآ
ءَاتَيْنَٰهُمْ ۚ فَتَمَتَّعُوا۟ فَسَوْفَ تَعْلَمُونَ ﴿34﴾ أَمْ أَنزَلْنَا عَلَيْهِمْ
سُلْطَٰنًا فَهُوَ يَتَكَلَّمُ بِمَا كَانُوا۟ بِهِۦ يُشْرِكُونَ ﴿35﴾ وَإِذَآ أَذَقْنَا
ٱلنَّاسَ رَحْمَةً فَرِحُوا۟ بِهَا ۖ وَإِن تُصِبْهُمْ سَيِّئَةٌۢ بِمَا قَدَّمَتْ أَيْدِيهِمْ
إِذَا هُمْ يَقْنَطُونَ ﴿36﴾ أَوَلَمْ يَرَوْا۟ أَنَّ ٱللَّهَ يَبْسُطُ ٱلرِّزْقَ لِمَن يَشَآءُ
وَيَقْدِرُ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَٰتٍ لِّقَوْمٍ يُؤْمِنُونَ ﴿37﴾ فَـَٔاتِ ذَا ٱلْقُرْبَىٰ
حَقَّهُۥ وَٱلْمِسْكِينَ وَٱبْنَ ٱلسَّبِيلِ ۚ ذَٰلِكَ خَيْرٌ لِّلَّذِينَ يُرِيدُونَ
وَجْهَ ٱللَّهِ ۖ وَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْمُفْلِحُونَ ﴿38﴾ وَمَآ ءَاتَيْتُم مِّن رِّبًا
لِّيَرْبُوَا۟ فِىٓ أَمْوَٰلِ ٱلنَّاسِ فَلَا يَرْبُوا۟ عِندَ ٱللَّهِ ۖ وَمَآ ءَاتَيْتُم مِّن زَكَوٰةٍ
تُرِيدُونَ وَجْهَ ٱللَّهِ فَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْمُضْعِفُونَ ﴿39﴾ ٱللَّهُ ٱلَّذِى
خَلَقَكُمْ ثُمَّ رَزَقَكُمْ ثُمَّ يُمِيتُكُمْ ثُمَّ يُحْيِيكُمْ ۖ هَلْ مِن
شُرَكَآئِكُم مَّن يَفْعَلُ مِن ذَٰلِكُم مِّن شَىْءٍ ۚ سُبْحَٰنَهُۥ وَتَعَٰلَىٰ
عَمَّا يُشْرِكُونَ ﴿40﴾ ظَهَرَ ٱلْفَسَادُ فِى ٱلْبَرِّ وَٱلْبَحْرِ بِمَا كَسَبَتْ
أَيْدِى ٱلنَّاسِ لِيُذِيقَهُم بَعْضَ ٱلَّذِى عَمِلُوا۟ لَعَلَّهُمْ يَرْجِعُونَ ﴿41﴾

33. Meta xi deni jmiss lin-nies, *(arahom iħallu l-idoli tagħhom u)* isejħu lil Sidhom, nedmin. Iżda meta jdewwaqhom ħniena minnu, ara, ġemgħa minnhom ixierku *(allat oħra)* ma' Sidhom *(il-Mulej)*
34. biex *(b'hekk)* jiċħdu dak li tajniehom! *(Lil dawn jintqalilhom:)* "Gawdu *(kemm tridu għal ftit taż-żmien)*! Dalwaqt se tkunu tafu!"
35. Jaqaw niżżilnielhom xi prova li titkellem *(u tixhed favur)* dak li kienu jxierku *(ma' Alla)*?
36. U meta ndewqu lin-nies xi ħniena *(bħalma hi s-saħħa jew il-ġid materjali)* huma jifirħu biha, iżda meta tmisshom xi ħsara, minħabba l-ħażen li jkunu għamlu b'idejhom, arahom jaqtgħu jieshom għal kollox.
37. Jaqaw ma jarawx li Alla jkattar il-ġid lil min irid, kif ukoll inaqqsu *(lil min jidhirlu)*? Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hawn sinjali għal nies li jemmnu.
38. Mela agħti lill-qraba dak li ħaqqhom, u lill-fqir u lil min iterraq. Dan ikun aħjar għal dawk li jridu Wiċċ Alla, u dawk huma r-rebbiħin.
39. Dak li ssellfu bi mgħax, biex *(ġidkom ikompli)* jiżdied bi flus in-nies, *(kunu afu li dan il-ġid)* ma jiżdiedx għand Alla, filwaqt li dak li tagħtu bħala karità għaliex tridu Wiċċ Alla, *(dan jiżdied għand Alla)*. Dawk huma li jieħdu d-doppju!
40. Alla huwa li ħalaqkom, imbagħad takom biex tgħixu, imbagħad jibagħtilkom il-mewt, imbagħad jagħtikom il-ħajja *(biex tqumu għal Jum il-Ħaqq)*. Jaqaw fost dawk l-ixirka tagħkom *(li intom xeriktu ma' Alla)* hemm min jagħmel xi ħaġa minn dan? Sebħ lilu! Huwa wisq ogħla minn dak li jxierku mieghu!
41. Il-ħsara dehret fuq l-art u fil-baħar minħabba dak li għamlu n-nies b'idejhom, biex idewwaqhom xi ftit minn dak li għamlu, u għandhom imnejn jerġgħu lura *(mill-ħażen u jindmu)*.

قُلْ سِيرُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ فَٱنظُرُوا۟ كَيْفَ كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلَّذِينَ مِن قَبْلُ ۚ
كَانَ أَكْثَرُهُم مُّشْرِكِينَ ﴿42﴾ فَأَقِمْ وَجْهَكَ لِلدِّينِ ٱلْقَيِّمِ مِن
قَبْلِ أَن يَأْتِىَ يَوْمٌ لَّا مَرَدَّ لَهُۥ مِنَ ٱللَّهِ ۖ يَوْمَئِذٍ يَصَّدَّعُونَ ﴿43﴾ مَن
كَفَرَ فَعَلَيْهِ كُفْرُهُۥ ۖ وَمَنْ عَمِلَ صَٰلِحًا فَلِأَنفُسِهِمْ يَمْهَدُونَ ﴿44﴾
لِيَجْزِىَ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ مِن فَضْلِهِۦٓ ۚ إِنَّهُۥ لَا يُحِبُّ
ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿45﴾ وَمِنْ ءَايَٰتِهِۦٓ أَن يُرْسِلَ ٱلرِّيَاحَ مُبَشِّرَٰتٍ وَلِيُذِيقَكُم
مِّن رَّحْمَتِهِۦ وَلِتَجْرِىَ ٱلْفُلْكُ بِأَمْرِهِۦ وَلِتَبْتَغُوا۟ مِن فَضْلِهِۦ وَلَعَلَّكُمْ
تَشْكُرُونَ ﴿46﴾ وَلَقَدْ أَرْسَلْنَا مِن قَبْلِكَ رُسُلًا إِلَىٰ قَوْمِهِمْ فَجَآءُوهُم
بِٱلْبَيِّنَٰتِ فَٱنتَقَمْنَا مِنَ ٱلَّذِينَ أَجْرَمُوا۟ ۖ وَكَانَ حَقًّا عَلَيْنَا نَصْرُ
ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿47﴾ ٱللَّهُ ٱلَّذِى يُرْسِلُ ٱلرِّيَٰحَ فَتُثِيرُ سَحَابًا فَيَبْسُطُهُۥ
فِى ٱلسَّمَآءِ كَيْفَ يَشَآءُ وَيَجْعَلُهُۥ كِسَفًا فَتَرَى ٱلْوَدْقَ يَخْرُجُ مِنْ
خِلَٰلِهِۦ ۖ فَإِذَآ أَصَابَ بِهِۦ مَن يَشَآءُ مِنْ عِبَادِهِۦٓ إِذَا هُمْ يَسْتَبْشِرُونَ
﴿48﴾ وَإِن كَانُوا۟ مِن قَبْلِ أَن يُنَزَّلَ عَلَيْهِم مِّن قَبْلِهِۦ لَمُبْلِسِينَ
﴿49﴾ فَٱنظُرْ إِلَىٰٓ ءَاثَٰرِ رَحْمَتِ ٱللَّهِ كَيْفَ يُحْىِ ٱلْأَرْضَ بَعْدَ
مَوْتِهَآ ۚ إِنَّ ذَٰلِكَ لَمُحْىِ ٱلْمَوْتَىٰ ۖ وَهُوَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿50﴾

42. Għid*(ilhom Muħammad lil dawk li ma jemmnux)*: "Terrqu fl-art u araw kif kien tmiem dawk ta' qabel! Ħafna minnhom kienu jxierku *(allat oħra ma' Alla, u nqerdu)*."

43. Żomm ħarstek fuq ir-reliġjon is-sewwa *(ta' l-Islam)* qabel ma jasal Jum li ma jistax jinżamm lura, mingħand Alla. Dakinhar *(il-bnedmin)* jinfirdu *(u t-tajbin jieħdu ħlashom fil-Ġenna, u l-ħżiena fl-Infern)*.

44. Min m'emminx, iċ-ċaħda ta' twemminu tkun fuqu, u dawk li għamlu l-ġid, għalihom infushom iwittu t-triq,

45. biex *(Alla)* jagħti l-ħlas lil dawk li emmnu u għamlu l-ġid, mit-tjieba tiegħu. Huwa tabilħaqq ma jħobbx lil dawk li ma jemmnux.

46. Minn fost is-sinjali tiegħu *(insibu)* li Huwa jibgħat l-irjieħ li jagħtu l-bxara *(it-tajba tal-wasla tax-xita)* biex idewwaqkom ftit mill-ħniena tiegħu, biex l-iġfna jbaħħru bl-amar tiegħu, u biex tfittxu t-tjieba tiegħu, u għandkom imnejn tiżżu ħajr.

47. Aħna tassew bgħatna qablek *(Muħammad)* Mibgħutin għand nieshom, u ġewhom bis-sinjali ċ-ċari. Aħna thallasna minn dawk li għamlu l-ħażen, u kien id-dmir tagħna li nagħtu r-rebħa lil dawk li emmnu.

48. Alla huwa li jibgħat l-irjieħ li jqanqlu s-sħab: Huwa jifirxu fis-sema, kif irid, u jagħmlu f'biċċiet, u tara x-xita ħierġa minn nofsu. U meta jolqot biha lil min irid mill-qaddejja tiegħu, arahom jifirħu,

49. għalkemm qabel ma *(ix-xita)* tniżżlet fuqhom, kienu qatgħu jieshom.

50. Mela ħares lejn il-marki tal-ħniena ta' Alla *(fil-ħolqien)*, kif *(Alla)* jagħti l-ħajja lill-art wara mewtha. Dak huwa tabilħaqq li jagħti l-ħajja lill-mejtin, u Huwa fuq kollox Setgħan.

وَلَئِنْ أَرْسَلْنَا رِيحًا فَرَأَوْهُ مُصْفَرًّا لَّظَلُّوا مِنۢ بَعْدِهِۦ يَكْفُرُونَ
(51) فَإِنَّكَ لَا تُسْمِعُ ٱلْمَوْتَىٰ وَلَا تُسْمِعُ ٱلصُّمَّ ٱلدُّعَآءَ إِذَا وَلَّوْا
مُدْبِرِينَ (52) وَمَآ أَنتَ بِهَٰدِ ٱلْعُمْىِ عَن ضَلَٰلَتِهِمْ ۖ إِن تُسْمِعُ إِلَّا
مَن يُؤْمِنُ بِـَٔايَٰتِنَا فَهُم مُّسْلِمُونَ (53) ۞ ٱللَّهُ ٱلَّذِى خَلَقَكُم
مِّن ضَعْفٍ ثُمَّ جَعَلَ مِنۢ بَعْدِ ضَعْفٍ قُوَّةً ثُمَّ جَعَلَ مِنۢ بَعْدِ
قُوَّةٍ ضَعْفًا وَشَيْبَةً ۚ يَخْلُقُ مَا يَشَآءُ ۖ وَهُوَ ٱلْعَلِيمُ ٱلْقَدِيرُ (54)
وَيَوْمَ تَقُومُ ٱلسَّاعَةُ يُقْسِمُ ٱلْمُجْرِمُونَ مَا لَبِثُوا۟ غَيْرَ سَاعَةٍ ۚ
كَذَٰلِكَ كَانُوا۟ يُؤْفَكُونَ (55) وَقَالَ ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْعِلْمَ وَٱلْإِيمَٰنَ
لَقَدْ لَبِثْتُمْ فِى كِتَٰبِ ٱللَّهِ إِلَىٰ يَوْمِ ٱلْبَعْثِ ۖ فَهَٰذَا يَوْمُ ٱلْبَعْثِ
وَلَٰكِنَّكُمْ كُنتُمْ لَا تَعْلَمُونَ (56) فَيَوْمَئِذٍ لَّا يَنفَعُ ٱلَّذِينَ
ظَلَمُوا۟ مَعْذِرَتُهُمْ وَلَا هُمْ يُسْتَعْتَبُونَ (57) وَلَقَدْ ضَرَبْنَا
لِلنَّاسِ فِى هَٰذَا ٱلْقُرْءَانِ مِن كُلِّ مَثَلٍ ۚ وَلَئِن جِئْتَهُم بِـَٔايَةٍ
لَّيَقُولَنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟ إِنْ أَنتُمْ إِلَّا مُبْطِلُونَ (58) كَذَٰلِكَ
يَطْبَعُ ٱللَّهُ عَلَىٰ قُلُوبِ ٱلَّذِينَ لَا يَعْلَمُونَ (59) فَٱصْبِرْ إِنَّ
وَعْدَ ٱللَّهِ حَقٌّ ۖ وَلَا يَسْتَخِفَّنَّكَ ٱلَّذِينَ لَا يُوقِنُونَ (60)

ثلاثة أرباع الحزب 41

51. Iżda jekk nibagħtu riħ, u jaraw *(il-ħsad)* tagħhom musfar, wara dan jibqgħu ma jemmnux.
52. Tabilħaqq li inti *(Muħammad)* ma ssemmax lill-mejtin, u ma ssemmax lit-torox is-sejħa *(tiegħek)* meta jagħtu*(k)* daharhom u ma jagħtux widen.
53. U lanqas ma turi t-triq lill-għomja fit-telfien tagħhom. Inti ssemma' biss lil min jemmen fis-sinjali tagħna, u huma Misilmin.
54. Alla huwa li ħalaqkom minn dgħufija *(ta' daqsxejn ta' sperma, u ftit ftit sirtu fetu u tarbija żgħira li maż-żmien kibret)*, imbagħad wara d-dgħufija għamel *(li jkollkom)* il-qawwa *(taż-żgħożija)* u mbagħad wara *(din)* il-qawwa għamel *(li jkollkom)* dgħufija u bjuda fix-xagħar *(fi xjuħitkom)*. Huwa joħloq li jrid, u Huwa li jaf kollox, Setgħan.
55. Fil-Jum li sseħħ is-Siegħa *(tal-Qawmien)*, il-ħatjin jaħilfu li ma damux għajr siegħa *(waħda fid-dinja)*. Hekk kienu jitqarrqu *(qabel)*.
56. Dawk li ngħataw l-għarfien u t-twemmin jgħidu*(lhom lil dawk il-ħatjin)*: "Skond il-Ktieb ta' Alla, intom bqajtu *(fid-dinja)* sa Jum il-Qawmien. U dan huwa Jum il-Qawmien *(li intom kontu tiċħdu)*, iżda intom ma kontux tafu!"
57. Dakinhar ma tiswa xejn l-iskuża ta' dawk li dinbu, u ħadd ma jgħidilhom biex jindmu *(għaliex ikun tard wisq)*.
58. Aħna għamilna lin-nies kull għamla ta' tixbiha f'dan il-Qoran. Jekk iġġibilhom *(Muħammad)* xi sinjal, dawk *(il-pagani minn niesek)* li jiċħdu t-twemmin se jgħidu: "M'intomx għajr nies il-frugħa!"
59. Hekk Alla jagħlaq qlub dawk li ma jafux *(u ma jridux jafu)*.
60. Mela stabar *(Muħammad)*! Tabilħaqq li l-wegħda ta' Alla *(li joħroġ l-Islam rebbieħ)* hija minnha. U ara li ma jtellfulekx sabrek dawk mingħajr fidi!

سُورَةُ لُقْمَانَ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

الٓمٓ ﴿1﴾ تِلْكَ ءَايَٰتُ ٱلْكِتَٰبِ ٱلْحَكِيمِ ﴿2﴾ هُدًى وَرَحْمَةً
لِّلْمُحْسِنِينَ ﴿3﴾ ٱلَّذِينَ يُقِيمُونَ ٱلصَّلَوٰةَ وَيُؤْتُونَ ٱلزَّكَوٰةَ وَهُم
بِٱلْءَاخِرَةِ هُمْ يُوقِنُونَ ﴿4﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ عَلَىٰ هُدًى مِّن رَّبِّهِمْ ۖ وَأُو۟لَٰٓئِكَ
هُمُ ٱلْمُفْلِحُونَ ﴿5﴾ وَمِنَ ٱلنَّاسِ مَن يَشْتَرِى لَهْوَ ٱلْحَدِيثِ
لِيُضِلَّ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ بِغَيْرِ عِلْمٍ وَيَتَّخِذَهَا هُزُوًا ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمْ
عَذَابٌ مُّهِينٌ ﴿6﴾ وَإِذَا تُتْلَىٰ عَلَيْهِ ءَايَٰتُنَا وَلَّىٰ مُسْتَكْبِرًا
كَأَن لَّمْ يَسْمَعْهَا كَأَنَّ فِىٓ أُذُنَيْهِ وَقْرًا ۖ فَبَشِّرْهُ بِعَذَابٍ أَلِيمٍ ﴿7﴾
إِنَّ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ لَهُمْ جَنَّٰتُ ٱلنَّعِيمِ ﴿8﴾
خَٰلِدِينَ فِيهَا ۖ وَعْدَ ٱللَّهِ حَقًّا ۚ وَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ ﴿9﴾ خَلَقَ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ بِغَيْرِ عَمَدٍ تَرَوْنَهَا ۖ وَأَلْقَىٰ فِى ٱلْأَرْضِ رَوَٰسِىَ أَن تَمِيدَ
بِكُمْ وَبَثَّ فِيهَا مِن كُلِّ دَآبَّةٍ ۚ وَأَنزَلْنَا مِنَ ٱلسَّمَآءِ مَآءً فَأَنۢبَتْنَا فِيهَا
مِن كُلِّ زَوْجٍ كَرِيمٍ ﴿10﴾ هَٰذَا خَلْقُ ٱللَّهِ فَأَرُونِى مَاذَا
خَلَقَ ٱلَّذِينَ مِن دُونِهِۦ ۚ بَلِ ٱلظَّٰلِمُونَ فِى ضَلَٰلٍ مُّبِينٍ ﴿11﴾

31. *Sūratu Luqmān*

(Suret Luqmān – Niżlet f'Mekka b'34 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *'Alif. Lām. Mīm.*
2. Dawn huma l-versi tal-Ktieb l-għaref;
3. tmexxija tajba u ħniena għal dawk li jagħmlu t-tajjeb,
4. li jagħmlu t-talb, li jagħtu l-karità, u jemmnu sħiħ fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)*.
5. Dawk għandhom tmexxija tajba minn Sidhom *(il-Mulej)*, u dawk huma li joħorġu rebbiħin *(u jsalvaw)*.
6. Fost in-nies hemm min jixtri l-kliem fieragħ biex *(biħ)* itellef *(lil ħaddieħor)* mit-triq ta' Alla, bla *(ma għandu)* għarfien *(u prova dwar dak li qiegħed iħarref)*, u jeħodha biċ-ċajt. Dawk ikollhom kastig ta' tkasbir.
7. U meta jinqrawlu l-versi tagħna huwa jagħti dahru *(u ma jagħtix widen)* imkabbar, bħallikieku ma semagħhomx, qisu għandu toqol f'widnejh *(li ma jħallihx jisma')*. Mela ħabbarlu *(Muħammad)* kastig ta' wġigħ!
8. Tabilħaqq li dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid għandhom il-Ġonna ta' l-hena.
9. Fihom jibqgħu għal dejjem. Il-wegħda ta' Alla hija minnha! Huwa l-Qawwi u l-Għaref.
10. Huwa ħalaq is-smewwiet, u tarawhom *(miżmuma)* mingħajr kolonni, u fl-art waqqaf fis-sod l-iġbla biex *(l-art)* ma titħarrikx bikom, u xerred fiha kull għamla ta' ħlejjaq. U mis-sema nniżżlu ilma, u fih inkabbru kull għamla *(ta' xitla)* tajba *(sew għall-ikel kif ukoll għall-fejqan)*.
11. Dan huwa l-ħolqien ta' Alla! Mela uruni x'ħalqu mingħajru dawk *(l-allat l-oħra li tqimu)*! Iżda l-ħżiena huma f'telfien mill-aktar ċar.

وَلَقَدْ ءَاتَيْنَا لُقْمَٰنَ ٱلْحِكْمَةَ أَنِ ٱشْكُرْ لِلَّهِ ۚ وَمَن يَشْكُرْ فَإِنَّمَا
يَشْكُرُ لِنَفْسِهِۦ ۖ وَمَن كَفَرَ فَإِنَّ ٱللَّهَ غَنِىٌّ حَمِيدٌ ﴿12﴾ وَإِذْ قَالَ
لُقْمَٰنُ لِٱبْنِهِۦ وَهُوَ يَعِظُهُۥ يَٰبُنَىَّ لَا تُشْرِكْ بِٱللَّهِ ۖ إِنَّ ٱلشِّرْكَ
لَظُلْمٌ عَظِيمٌ ﴿13﴾ وَوَصَّيْنَا ٱلْإِنسَٰنَ بِوَٰلِدَيْهِ حَمَلَتْهُ أُمُّهُۥ
وَهْنًا عَلَىٰ وَهْنٍ وَفِصَٰلُهُۥ فِى عَامَيْنِ أَنِ ٱشْكُرْ لِى وَلِوَٰلِدَيْكَ
إِلَىَّ ٱلْمَصِيرُ ﴿14﴾ وَإِن جَٰهَدَاكَ عَلَىٰٓ أَن تُشْرِكَ بِى مَا لَيْسَ
لَكَ بِهِۦ عِلْمٌ فَلَا تُطِعْهُمَا ۖ وَصَاحِبْهُمَا فِى ٱلدُّنْيَا مَعْرُوفًا ۖ
وَٱتَّبِعْ سَبِيلَ مَنْ أَنَابَ إِلَىَّ ۚ ثُمَّ إِلَىَّ مَرْجِعُكُمْ فَأُنَبِّئُكُم
بِمَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿15﴾ يَٰبُنَىَّ إِنَّهَآ إِن تَكُ مِثْقَالَ حَبَّةٍ مِّنْ
خَرْدَلٍ فَتَكُن فِى صَخْرَةٍ أَوْ فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ أَوْ فِى ٱلْأَرْضِ يَأْتِ
بِهَا ٱللَّهُ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ لَطِيفٌ خَبِيرٌ ﴿16﴾ يَٰبُنَىَّ أَقِمِ ٱلصَّلَوٰةَ وَأْمُرْ
بِٱلْمَعْرُوفِ وَٱنْهَ عَنِ ٱلْمُنكَرِ وَٱصْبِرْ عَلَىٰ مَآ أَصَابَكَ ۖ إِنَّ ذَٰلِكَ
مِنْ عَزْمِ ٱلْأُمُورِ ﴿17﴾ وَلَا تُصَعِّرْ خَدَّكَ لِلنَّاسِ وَلَا تَمْشِ فِى ٱلْأَرْضِ
مَرَحًا ۖ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يُحِبُّ كُلَّ مُخْتَالٍ فَخُورٍ ﴿18﴾ وَٱقْصِدْ فِى مَشْيِكَ
وَٱغْضُضْ مِن صَوْتِكَ ۚ إِنَّ أَنكَرَ ٱلْأَصْوَٰتِ لَصَوْتُ ٱلْحَمِيرِ ﴿19﴾

12. Aħna tassew tajna l-għerf lil Luqmān *(u għednielu)*: "Iżżi ħajr lil Alla *(ta' l-għerf li tak)*! Min jiżżi ħajr, ikun qiegħed jiżżi ħajr għalih innifsu. U min ma jibqax jafhulu *(lil Alla, għandu jkun jaf li)* tabilħaqq Alla Għani *(u ma jeħtieġ xejn)*. Hu jistħoqq kull tifħir."
13. U *(ftakar, Muħammad)* meta Luqmān qal lil ibnu, hu u jwissih: "Ibni, la xxerikx *(allat oħra)* ma' Alla! Din ix-xirka hija ħażen kbir."
14. L-amar tagħna lill-bniedem huwa li juri tjubija mal-ġenituri tiegħu *(għaliex jeħtieġlu jiftakar li)* ommu ġġorru *(f'ġuſha)* bi dgħufija fuq dgħufija, u jinfatam fi żmien sentejn. *(Mela ftakar u)* iżżi ħajr lili u lill-ġenituri tiegħek! *(La tinsiex li)* lejja t-tmiem.
15. U jekk *(missierek u ommok)* iħabirku biex iġagħluk ixxierek miegħi dak li ma għandekx għarfien dwaru, toqgħodx għalihom, iżda imxi magħhom fid-dinja kif jixraq *(anki jekk ma humiex Misilmin, jew huma ħżiena)*, u imxi fit-triq ta' min dar lejja bl-indiema. Imbagħad għandi terġgħu lura u *(dakinhar)* inħabbrilkom dak li kontu tagħmlu.
16. *(Luqmān qal)*: "Ibni, jekk xi ħaġa, imqar it-toqol ta' żerriegħa tal-mustarda, tkun ġewwa blata, jew fis-smewwiet, jew fl-art, Alla għad iġibha *(u ssir magħrufa)*. Tabilħaqq li Alla jaf l-irqaqat kollha, u jaf*(hom)* sewwa.
17. Ibni, agħmel it-talb, amar *(li jsir biss)* it-tajjeb, tħallix il-ħażen, u stabar f'dak li jiġrilek! Tabilħaqq li dawn *(l-għemejjel)* huma mill-aqwa kwalitajiet.
18. La ddawwarx wiċċek min-nies *(bi kburija)*, u lanqas timxi fl-art minfuħ bik innifsek. Tabilħaqq li Alla ma jħobb lil ebda mkabbar li kollu ftaħir bih innifsu.
19. Imxi kif jixraq, u baxxi leħnek! Tabilħaqq li l-ikreh leħen huwa leħen il-ħmir *(u jixbah l-għajat ta' min jgħolli leħnu bil-qerq)*."

أَلَمْ تَرَوْا أَنَّ اللَّهَ سَخَّرَ لَكُم مَّا فِي السَّمَاوَاتِ وَمَا فِي الْأَرْضِ وَأَسْبَغَ
عَلَيْكُمْ نِعَمَهُ ظَاهِرَةً وَبَاطِنَةً ۗ وَمِنَ النَّاسِ مَن يُجَادِلُ فِي اللَّهِ
بِغَيْرِ عِلْمٍ وَلَا هُدًى وَلَا كِتَابٍ مُّنِيرٍ ﴿20﴾ وَإِذَا قِيلَ لَهُمُ اتَّبِعُوا
مَا أَنزَلَ اللَّهُ قَالُوا بَلْ نَتَّبِعُ مَا وَجَدْنَا عَلَيْهِ آبَاءَنَا ۚ أَوَلَوْ كَانَ
الشَّيْطَانُ يَدْعُوهُمْ إِلَىٰ عَذَابِ السَّعِيرِ ﴿21﴾ ۞ وَمَن يُسْلِمْ
وَجْهَهُ إِلَى اللَّهِ وَهُوَ مُحْسِنٌ فَقَدِ اسْتَمْسَكَ بِالْعُرْوَةِ الْوُثْقَىٰ ۗ
وَإِلَى اللَّهِ عَاقِبَةُ الْأُمُورِ ﴿22﴾ وَمَن كَفَرَ فَلَا يَحْزُنكَ كُفْرُهُ ۚ
إِلَيْنَا مَرْجِعُهُمْ فَنُنَبِّئُهُم بِمَا عَمِلُوا ۚ إِنَّ اللَّهَ عَلِيمٌ بِذَاتِ الصُّدُورِ
﴿23﴾ نُمَتِّعُهُمْ قَلِيلًا ثُمَّ نَضْطَرُّهُمْ إِلَىٰ عَذَابٍ غَلِيظٍ ﴿24﴾
وَلَئِن سَأَلْتَهُم مَّنْ خَلَقَ السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضَ لَيَقُولُنَّ اللَّهُ ۚ قُلِ
الْحَمْدُ لِلَّهِ ۚ بَلْ أَكْثَرُهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿25﴾ لِلَّهِ مَا فِي السَّمَاوَاتِ
وَالْأَرْضِ ۚ إِنَّ اللَّهَ هُوَ الْغَنِيُّ الْحَمِيدُ ﴿26﴾ وَلَوْ أَنَّمَا فِي الْأَرْضِ
مِن شَجَرَةٍ أَقْلَامٌ وَالْبَحْرُ يَمُدُّهُ مِن بَعْدِهِ سَبْعَةُ أَبْحُرٍ
مَّا نَفِدَتْ كَلِمَاتُ اللَّهِ ۗ إِنَّ اللَّهَ عَزِيزٌ حَكِيمٌ ﴿27﴾ مَّا خَلْقُكُمْ
وَلَا بَعْثُكُمْ إِلَّا كَنَفْسٍ وَاحِدَةٍ ۗ إِنَّ اللَّهَ سَمِيعٌ بَصِيرٌ ﴿28﴾

الحزب 42

20. Mela ma tarawx li Alla qiegħed taħt idejkom dak li jinsab fis-smewwiet u fl-art *(biex tinqdew bih)*, u sawwab fuqkom bil-kotra l-grazzji tiegħu, li jidhru u li ma jidhrux. Fost in-nies hemm min iħaqqaqha dwar Alla mingħajr ma għandu għarfien *(u ebda prova ta' dak li qiegħed jgħid)* mingħajr tmexxija tajba, u lanqas Ktieb li jdawwal*(lu moħħu)*.
21. U meta *(lil dawk li jħobbu jmieru)* jintqalilhom: "Imxu fuq dak li Alla niżżel," huma jgħidu: "Le! Imma nimxu fuq dak li fih sibna lil missirijietna." Kif? Anki jekk ix-Xitan isejħilhom għall-kastig tan-Nar iħeġġeġ?
22. Min jingħata għal Alla, filwaqt li jagħmel it-tajjeb, ikun qabad l-aqwa maqbad *(li, bħal ħabel sod, ma jinqatax)*. Lejn Alla t-tmiem ta' kollox.
23. La tinkeddx *(Muħammad)* minħabba ċ-ċaħda tat-twemmin ta' min ma jemminx. Lejna jerġgħu lura u *(dakinhar)* inħabbrulhom dak *(kollu)* li għamlu *(meta kienu fid-dinja)*. Tabilħaqq li Alla jaf sew b'dak li hemm fil-qlub.
24. Inħalluhom igawdu għal ftit *(fid-dinja)*, imbagħad inġegħluhom jimxu lejn kastig iebes.
25. Jekk tistaqsihom *(Muħammad)* min ħalaq is-smewwiet u l-art, huma tassew jgħidu: "Alla." Għid*(ilhom)*: "Tifħir lil Alla!" Iżda l-kotra tagħhom ma jafux.
26. Ta' Alla kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art. Alla tabilħaqq huwa l-Għani, li jistħoqq kull tifħir.
27. Kieku s-siġar kollha tad-dinja kienu pinen, u l-baħar *(kien linka)*, b'seba' ibħra *(oħra)* warajh iferrgħu fih, kieku *(kienet tinħela dik il-linka kollha, il-pinen jiġu fix-xejn, iżda)* Kliem Alla ma jintemmx. Tabilħaqq li Alla huwa Qawwi, Għaref.
28. Il-holqien u l-qawmien tagħkom mill-imwiet huma biss bħal *(il-ħolqien u l-qawmien ta')* ruħ waħda *(biss)*. Alla tassew jisma' kollox u jara kollox.

أَلَمْ تَرَ أَنَّ ٱللَّهَ يُولِجُ ٱلَّيْلَ فِى ٱلنَّهَارِ وَيُولِجُ ٱلنَّهَارَ فِى ٱلَّيْلِ
وَسَخَّرَ ٱلشَّمْسَ وَٱلْقَمَرَ كُلٌّ يَجْرِىٓ إِلَىٰٓ أَجَلٍ مُّسَمًّى وَأَنَّ ٱللَّهَ
بِمَا تَعْمَلُونَ خَبِيرٌ ﴿29﴾ ذَٰلِكَ بِأَنَّ ٱللَّهَ هُوَ ٱلْحَقُّ وَأَنَّ مَا يَدْعُونَ
مِن دُونِهِ ٱلْبَٰطِلُ وَأَنَّ ٱللَّهَ هُوَ ٱلْعَلِىُّ ٱلْكَبِيرُ ﴿30﴾ أَلَمْ تَرَ أَنَّ
ٱلْفُلْكَ تَجْرِى فِى ٱلْبَحْرِ بِنِعْمَتِ ٱللَّهِ لِيُرِيَكُم مِّنْ ءَايَٰتِهِۦٓ ۚ إِنَّ
فِى ذَٰلِكَ لَءَايَٰتٍ لِّكُلِّ صَبَّارٍ شَكُورٍ ﴿31﴾ وَإِذَا غَشِيَهُم مَّوْجٌ
كَٱلظُّلَلِ دَعَوُا۟ ٱللَّهَ مُخْلِصِينَ لَهُ ٱلدِّينَ فَلَمَّا نَجَّىٰهُمْ إِلَى ٱلْبَرِّ
فَمِنْهُم مُّقْتَصِدٌ ۚ وَمَا يَجْحَدُ بِـَٔايَٰتِنَآ إِلَّا كُلُّ خَتَّارٍ كَفُورٍ
﴿32﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ ٱتَّقُوا۟ رَبَّكُمْ وَٱخْشَوْا۟ يَوْمًا لَّا يَجْزِى وَالِدٌ
عَن وَلَدِهِۦ وَلَا مَوْلُودٌ هُوَ جَازٍ عَن وَالِدِهِۦ شَيْـًٔا ۚ إِنَّ وَعْدَ ٱللَّهِ
حَقٌّ ۖ فَلَا تَغُرَّنَّكُمُ ٱلْحَيَوٰةُ ٱلدُّنْيَا وَلَا يَغُرَّنَّكُم بِٱللَّهِ
ٱلْغَرُورُ ﴿33﴾ إِنَّ ٱللَّهَ عِندَهُۥ عِلْمُ ٱلسَّاعَةِ وَيُنَزِّلُ ٱلْغَيْثَ
وَيَعْلَمُ مَا فِى ٱلْأَرْحَامِ ۖ وَمَا تَدْرِى نَفْسٌ مَّاذَا تَكْسِبُ غَدًا ۖ
وَمَا تَدْرِى نَفْسٌۢ بِأَىِّ أَرْضٍ تَمُوتُ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ عَلِيمٌ خَبِيرٌ ﴿34﴾

سُورَةُ السَّجْدَةِ

29. Mela ma tarax li Alla jdaħħal *(dalmet)* il-lejl f'*(dawl)* in-nhar, u jdaħħal *(dawl)* in-nhar f'*(dalmet)* il-lejl, u qiegħed ix-xemx u l-qamar taħt idejh – kollha kemm huma jduru għal żmien imsemmi – u li Alla jaf sew b'dak li tagħmlu?

30. Dan għaliex Alla huwa s-Sewwa, u dak li jsejħu minfloku huwa l-qerq, u għaliex Alla huwa l-Għoli, il-Kbir.

31. Mela ma tarax li l-iġfna jiġru fil-baħar bil-grazzja ta' Alla, biex jurikom uħud mis-sinjali tiegħu? Tabilħaqq li f'dan hawn sinjali għal kulmin jaf jistabar u jiżżi ħajr.

32. Meta l-mewġ *(għoli)* jgħattihom bħal saqaf ta' dell, *(ismagħhom)* isejħu lil Alla *(mwerwrin)*, u joqogħdu għad-din tiegħu biss. Iżda meta jeħlishom *(mill-għawġ tal-baħar u jġibhom)* lejn l-art, hemm minnhom li huwa ġust *(u hemm minnhom li ma jiżżix ħajr)*. Ħadd ma jiċħad is-sinjali tagħna, ħlief kulmin hu qarrieq, li ma jafhulux *(lil Alla)*.

33. Ja nies, ibżgħu minn Sidkom *(il-Mulej)*, u ibżgħu minn Jum meta missier ma jkun jista' jagħmel xejn għal ibnu, u iben ma jkun jista' jagħmel xejn għal missieru. Tabilħaqq li l-wegħda ta' Alla hija minnha! Mela ħalli ma tqarraqx bikom il-ħajja f'*(din)* id-dinja, u ħalli ma jqarraqx bikom *(ix-Xitan)* il-Qarrieq dwar Alla!

34. Alla tabilħaqq għandu l-għarfien tas-Siegħa *(tal-Qawmien mill-imwiet)*, u *(jaf meta u fejn)* iniżżel xita, u jaf x'hemm fil-ġwief *(jekk hux tifel jew tifla, jekk f'ħajjitha tkunx persuna ferħana jew imdejqa, tajba jew midinba, minn nies il-Ġenna jew l-Infern)*. Ebda ruħ ma taf x'se tikseb għada, u ebda ruħ ma taf f'liema art tmut. Tabilħaqq li Alla jaf kollox, jaf sewwa.

بسم الله الرحمن الرحيم

الٓمٓ ﴿1﴾ تَنزِيلُ ٱلْكِتَٰبِ لَا رَيْبَ فِيهِ مِن رَّبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ
﴿2﴾ أَمْ يَقُولُونَ ٱفْتَرَىٰهُ ۚ بَلْ هُوَ ٱلْحَقُّ مِن رَّبِّكَ لِتُنذِرَ قَوْمًا
مَّآ أَتَىٰهُم مِّن نَّذِيرٍ مِّن قَبْلِكَ لَعَلَّهُمْ يَهْتَدُونَ ﴿3﴾ ٱللَّهُ
ٱلَّذِى خَلَقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ وَمَا بَيْنَهُمَا فِى سِتَّةِ أَيَّامٍ
ثُمَّ ٱسْتَوَىٰ عَلَى ٱلْعَرْشِ ۖ مَا لَكُم مِّن دُونِهِۦ مِن وَلِىٍّ وَلَا شَفِيعٍ ۚ أَفَلَا
تَتَذَكَّرُونَ ﴿4﴾ يُدَبِّرُ ٱلْأَمْرَ مِنَ ٱلسَّمَآءِ إِلَى ٱلْأَرْضِ ثُمَّ يَعْرُجُ
إِلَيْهِ فِى يَوْمٍ كَانَ مِقْدَارُهُۥٓ أَلْفَ سَنَةٍ مِّمَّا تَعُدُّونَ ﴿5﴾ ذَٰلِكَ
عَٰلِمُ ٱلْغَيْبِ وَٱلشَّهَٰدَةِ ٱلْعَزِيزُ ٱلرَّحِيمُ ﴿6﴾ ٱلَّذِىٓ أَحْسَنَ
كُلَّ شَىْءٍ خَلَقَهُۥ ۖ وَبَدَأَ خَلْقَ ٱلْإِنسَٰنِ مِن طِينٍ ﴿7﴾ ثُمَّ جَعَلَ
نَسْلَهُۥ مِن سُلَٰلَةٍ مِّن مَّآءٍ مَّهِينٍ ﴿8﴾ ثُمَّ سَوَّىٰهُ وَنَفَخَ فِيهِ
مِن رُّوحِهِۦ ۖ وَجَعَلَ لَكُمُ ٱلسَّمْعَ وَٱلْأَبْصَٰرَ وَٱلْأَفْـِٔدَةَ ۚ قَلِيلًا
مَّا تَشْكُرُونَ ﴿9﴾ وَقَالُوٓا۟ أَءِذَا ضَلَلْنَا فِى ٱلْأَرْضِ أَءِنَّا لَفِى
خَلْقٍ جَدِيدٍ ۚ بَلْ هُم بِلِقَآئِ رَبِّهِمْ كَٰفِرُونَ ﴿10﴾ ۞ قُلْ يَتَوَفَّىٰكُم
مَّلَكُ ٱلْمَوْتِ ٱلَّذِى وُكِّلَ بِكُمْ ثُمَّ إِلَىٰ رَبِّكُمْ تُرْجَعُونَ ﴿11﴾

ربع الحزب 42

32. *Sūratu s-Saġda*

(Suret l-Att ta' Qima – Niżlet f'Mekka bi 30 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *'Alif. Lām. Mīm.*
2. Tinżil il-Ktieb *(tal-Qoran lilek, Muħammad)* li fih ma hemmx dubju; minn Sid il-ħolqien.
3. Jaqaw *(il-pagani ta' Mekka)* qegħdin jgħidu: "Qalgħu *(Muħammad)* minn żniedu"? Le *(mhux hekk)*! Iżda huwa s-sewwa minn Sidek *(il-Mulej lilek Muħammad)* biex twissi nies li ma ġihomx min iwissihom qablek, biex forsi jaqbdu t-triq it-tajba.
4. Huwa Alla li ħalaq is-smewwiet u l-art, u dak li jinsab bejniethom, f'sitt ijiem, imbagħad intasab fuq it-Tron. Ma għandkomx min iħariskom, jew jidħol għalikom għajru. Jaqaw ma tiftakrux?
5. Imexxi kollox mis-sema għall-art, imbagħad kollox jitla' lura lejh *(għall-Ġudizzju)* f'Jum *(hekk tal-biża' li taħsbu)* li tulu jkun ta' elf sena bl-għadd tagħkom *(ta' bnedmin li intom)*.
6. Dak huwa *(Alla)* li jaf il-mistur u l-mikxuf, il-Qawwi, il-Ħanin,
7. li għamel tajjeb kulma ħalaq, u beda ħolqien il-bniedem minn tajn,
8. imbagħad għamel lil nislu maħruġ minn ilma mkasbar *(l-isperma)*,
9. imbagħad sawru, nefaħ fih minn Ruħu, u għamlilkom is-smigħ, dawl għajnejkom, u l-qlub *(u l-imħuħ biex tħossu u tifħmu bihom. Madanakollu)* tassew ftit tiżżu ħajr *(lill-Mulej)*!
10. *(Il-pagani ta' Mekka)* jgħidu: "Jaqaw meta niġu fix-xejn *(u nkunu midfunin)* fl-art, se nkunu f'ħolqien ġdid?" Le, *(ma jridux jemmnu)*! Huma jiċħdu l-laqgħa ma' Sidhom.
11. Għid*(ilhom Muħammad)*: "L-Anġlu tal-mewt li tqabbad *(minn Alla)* biex jiġi għalikom, jeħdilkom ħajjitkom, u mbagħad titreġġgħu lura lejn Sidkom."

وَلَوْ تَرَىٰٓ إِذِ ٱلْمُجْرِمُونَ نَاكِسُوا۟ رُءُوسِهِمْ عِندَ رَبِّهِمْ
رَبَّنَآ أَبْصَرْنَا وَسَمِعْنَا فَٱرْجِعْنَا نَعْمَلْ صَٰلِحًا إِنَّا مُوقِنُونَ
(12) وَلَوْ شِئْنَا لَءَاتَيْنَا كُلَّ نَفْسٍ هُدَىٰهَا وَلَٰكِنْ حَقَّ ٱلْقَوْلُ
مِنِّى لَأَمْلَأَنَّ جَهَنَّمَ مِنَ ٱلْجِنَّةِ وَٱلنَّاسِ أَجْمَعِينَ (13)
فَذُوقُوا۟ بِمَا نَسِيتُمْ لِقَآءَ يَوْمِكُمْ هَٰذَآ إِنَّا نَسِينَٰكُمْ ۖ
وَذُوقُوا۟ عَذَابَ ٱلْخُلْدِ بِمَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ (14) إِنَّمَا يُؤْمِنُ
بِـَٔايَٰتِنَا ٱلَّذِينَ إِذَا ذُكِّرُوا۟ بِهَا خَرُّوا۟ سُجَّدًا وَسَبَّحُوا۟ بِحَمْدِ
رَبِّهِمْ وَهُمْ لَا يَسْتَكْبِرُونَ ۩ (15) تَتَجَافَىٰ جُنُوبُهُمْ
عَنِ ٱلْمَضَاجِعِ يَدْعُونَ رَبَّهُمْ خَوْفًا وَطَمَعًا وَمِمَّا رَزَقْنَٰهُمْ
يُنفِقُونَ (16) فَلَا تَعْلَمُ نَفْسٌ مَّآ أُخْفِىَ لَهُم مِّن قُرَّةِ أَعْيُنٍ جَزَآءًۢ
بِمَا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ (17) أَفَمَن كَانَ مُؤْمِنًا كَمَن كَانَ فَاسِقًا ۚ
لَّا يَسْتَوُۥنَ (18) أَمَّا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ فَلَهُمْ
جَنَّٰتُ ٱلْمَأْوَىٰ نُزُلًۢا بِمَا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ (19) وَأَمَّا ٱلَّذِينَ فَسَقُوا۟
فَمَأْوَىٰهُمُ ٱلنَّارُ ۖ كُلَّمَآ أَرَادُوٓا۟ أَن يَخْرُجُوا۟ مِنْهَآ أُعِيدُوا۟ فِيهَا وَقِيلَ
لَهُمْ ذُوقُوا۟ عَذَابَ ٱلنَّارِ ٱلَّذِى كُنتُم بِهِۦ تُكَذِّبُونَ (20)

سجدة

12. Kieku tara l-ħatjin *(dakinhar tal-Ġudizzju)*, filwaqt li jbaxxu rashom *(bil-mistħija)* quddiem Sidhom, *(kieku tismagħhom jgħidu)*: "Sidna *(il-Mulej)*, rajna *(is-sewwa tiegħek)* u smajna *(dak li konna niċħdu u ngiddbu)*. Mela reġġagħna lura *(lejn l-art)* biex nagħmlu l-ġid. Aħna *(issa)* tassew nemmnu bis-shiħ!"
13. Kieku ridna, konna nagħtu lil kull ruħ it-tmexxija t-tajba tagħha, iżda *(issa)* Kliemi *(dwar il-kastig tal-ħżiena)* seħħ, u tassew nimla l-Infern *(bil-midinbin)* minn fost il-*ġinn* u n-nies, ilkoll flimkien.
14. Mela duqu *(il-kastig)*, talli nsejtu l-laqgħa ta' dan il-Jum tagħkom. Tabilħaqq li Aħna *(ukoll)* insejniekom! U duqu l-kastig ta' dejjem ta' dak li kontu tagħmlu!
15. Jemmnu biss fis-sinjali tagħna dawk li, meta jitfakkru fihom, jinxteħtu fl-art iqimu *(lil Alla)*, li jfaħħru s-sebħ ta' Sidhom, u ma jitkabbrux.
16. Ġisimhom iħalli l-friex u huma jsejħu lil Sidhom, fil-biża' u fit-tama, u jonfqu *(fil-karità)* minn dak li tajniehom.
17. Ebda ruħ ma taf x'hena nżamm moħbi minnhom ta' dak li kienu jagħmlu.
18. Jaqaw min jemmen huwa bħall-qarrieq? Ma humiex indaqs!
19. Dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid għandhom il-Ġonna tal-kenn fejn jgħammru, ta' dak *(il-ġid)* li kienu jagħmlu.
20. Imma l-ħatjin, il-kenn tagħhom fin-Nar. Kull darba li jkunu jridu joħorġu minnu, jitreġġgħu lura fih, u jintqal lilhom: "Duqu l-kastig tan-Nar li kontu tgiddbu!"

وَلَنُذِيقَنَّهُم مِّنَ ٱلْعَذَابِ ٱلْأَدْنَىٰ دُونَ ٱلْعَذَابِ ٱلْأَكْبَرِ
لَعَلَّهُمْ يَرْجِعُونَ ﴿21﴾ وَمَنْ أَظْلَمُ مِمَّن ذُكِّرَ بِـَٔايَـٰتِ رَبِّهِۦ ثُمَّ
أَعْرَضَ عَنْهَآ ۚ إِنَّا مِنَ ٱلْمُجْرِمِينَ مُنتَقِمُونَ ﴿22﴾ وَلَقَدْ ءَاتَيْنَا
مُوسَى ٱلْكِتَـٰبَ فَلَا تَكُن فِى مِرْيَةٍ مِّن لِّقَآئِهِۦ ۖ وَجَعَلْنَـٰهُ
هُدًى لِّبَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ ﴿23﴾ وَجَعَلْنَا مِنْهُمْ أَئِمَّةً يَهْدُونَ
بِأَمْرِنَا لَمَّا صَبَرُوا۟ ۖ وَكَانُوا۟ بِـَٔايَـٰتِنَا يُوقِنُونَ ﴿24﴾ إِنَّ رَبَّكَ
هُوَ يَفْصِلُ بَيْنَهُمْ يَوْمَ ٱلْقِيَـٰمَةِ فِيمَا كَانُوا۟ فِيهِ يَخْتَلِفُونَ
﴿25﴾ أَوَلَمْ يَهْدِ لَهُمْ كَمْ أَهْلَكْنَا مِن قَبْلِهِم مِّنَ ٱلْقُرُونِ
يَمْشُونَ فِى مَسَـٰكِنِهِمْ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَـَٔايَـٰتٍ ۖ أَفَلَا يَسْمَعُونَ
﴿26﴾ أَوَلَمْ يَرَوْا۟ أَنَّا نَسُوقُ ٱلْمَآءَ إِلَى ٱلْأَرْضِ ٱلْجُرُزِ فَنُخْرِجُ
بِهِۦ زَرْعًا تَأْكُلُ مِنْهُ أَنْعَـٰمُهُمْ وَأَنفُسُهُمْ ۖ أَفَلَا يُبْصِرُونَ ﴿27﴾
وَيَقُولُونَ مَتَىٰ هَـٰذَا ٱلْفَتْحُ إِن كُنتُمْ صَـٰدِقِينَ ﴿28﴾
قُلْ يَوْمَ ٱلْفَتْحِ لَا يَنفَعُ ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟ إِيمَـٰنُهُمْ وَلَا هُمْ يُنظَرُونَ
﴿29﴾ فَأَعْرِضْ عَنْهُمْ وَٱنتَظِرْ إِنَّهُم مُّنتَظِرُونَ ﴿30﴾

سُورَةُ الأَحْزَابِ

21. Tassew indewquhom il-kastig iż-żgħir *(fid-dinja)*, qabel il-kastig il-kbir *(fil-Ħajja l-Oħra)*, biex forsi jerġgħu lura *(għat-triq it-tajba)*.
22. Min hu agħar minn dak li jitfakkar fis-sinjali ta' Sidu *(il-Mulej)*, imbagħad iwarrab minnhom? Tabilħaqq li għad nitħallsu mill-ħatjin.
23. Aħna tassew tajna l-Ktieb *(tat-Torā)* lil Mosè, u la tkunx fid-dubju dwar il-laqgħa *(tiegħek, Muħammad)* miegħu *(il-Qoran)*, u *(il-Ktieb tat-Torā)* għamilnieh tmexxija għal Ulied Israel.
24. Għamilna minnhom mexxejja li juru t-triq bl-amar tagħna, meta stabru *(fis-saram li ħabbtu wiċċhom miegħu)* u kienu jemmnu sħiħ fis-sinjali tagħna.
25. Tabilħaqq li Sidek jagħmel ħaqq minnhom *(dawk li jemmnu u dawk li jiċħdu t-twemmin)* f'Jum il-Qawmien dwar dak li ma kinux jaqblu fuqu.
26. Jaqaw ma jitgħallmux *(meta jaraw)* kemm-il ġens qridna qabilhom, u li *(issa)* huma jgħaddu minn *(qrib)* djarhom *(l-imġarrfa)*. Tabilħaqq li f'dan hawn sinjali. Mela ma jisimgħux?
27. Mela ma jarawx li Aħna nsuqu l-ilma lejn art niexfa u bih noħorġu ż-żera'? Minnu jieklu l-bhejjem tagħhom, u huma nfushom. Mela ma jarawx?
28. Jgħidu *(bi tkasbir il-pagani ta' Mekka lill-Misilmin)*: "Meta hija din ir-rebħa *(tagħkom fuqna)*, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa?"
29. Għid*(ilhom Muħammad)*: "F'Jum ir-Rebħa *(dakinhar ta' Jum il-Qawmien)* ma jiswiex, lil dawk bla twemmin, it-twemmin tagħhom *(li juru fl-Aħħar Jum, għaliex ikun tard wisq)* u lanqas jingħataw żmien *(biex jindmu)*."
30. Mela warrab minnhom *(Muħammad)* u stenna *(biex tara x'kastig se jkollhom)*! Huma tabilħaqq qegħdin jistennew *(ukoll biex jaraw x'se jiġri lilek u lill-Misilmin)*.

بسم الله الرحمن الرحيم

نصف الحزب 42

يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّبِيُّ ٱتَّقِ ٱللَّهَ وَلَا تُطِعِ ٱلْكَٰفِرِينَ وَٱلْمُنَٰفِقِينَ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ
كَانَ عَلِيمًا حَكِيمًا ﴿1﴾ وَٱتَّبِعْ مَا يُوحَىٰٓ إِلَيْكَ مِن
رَّبِّكَ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ بِمَا تَعْمَلُونَ خَبِيرًا ﴿2﴾ وَتَوَكَّلْ عَلَى ٱللَّهِ ۚ
وَكَفَىٰ بِٱللَّهِ وَكِيلًا ﴿3﴾ مَّا جَعَلَ ٱللَّهُ لِرَجُلٍ مِّن قَلْبَيْنِ فِى
جَوْفِهِۦ ۚ وَمَا جَعَلَ أَزْوَٰجَكُمُ ٱلَّٰٓـِٔى تُظَٰهِرُونَ مِنْهُنَّ أُمَّهَٰتِكُمْ ۚ
وَمَا جَعَلَ أَدْعِيَآءَكُمْ أَبْنَآءَكُمْ ۚ ذَٰلِكُمْ قَوْلُكُم بِأَفْوَٰهِكُمْ ۖ وَٱللَّهُ
يَقُولُ ٱلْحَقَّ وَهُوَ يَهْدِى ٱلسَّبِيلَ ﴿4﴾ ٱدْعُوهُمْ لِءَابَآئِهِمْ
هُوَ أَقْسَطُ عِندَ ٱللَّهِ ۚ فَإِن لَّمْ تَعْلَمُوٓا۟ ءَابَآءَهُمْ فَإِخْوَٰنُكُمْ
فِى ٱلدِّينِ وَمَوَٰلِيكُمْ ۚ وَلَيْسَ عَلَيْكُمْ جُنَاحٌ فِيمَآ أَخْطَأْتُم
بِهِۦ وَلَٰكِن مَّا تَعَمَّدَتْ قُلُوبُكُمْ ۚ وَكَانَ ٱللَّهُ غَفُورًا رَّحِيمًا
﴿5﴾ ٱلنَّبِىُّ أَوْلَىٰ بِٱلْمُؤْمِنِينَ مِنْ أَنفُسِهِمْ ۖ وَأَزْوَٰجُهُۥٓ أُمَّهَٰتُهُمْ ۗ
وَأُو۟لُوا۟ ٱلْأَرْحَامِ بَعْضُهُمْ أَوْلَىٰ بِبَعْضٍ فِى كِتَٰبِ ٱللَّهِ
مِنَ ٱلْمُؤْمِنِينَ وَٱلْمُهَٰجِرِينَ إِلَّآ أَن تَفْعَلُوٓا۟ إِلَىٰٓ أَوْلِيَآئِكُم
مَّعْرُوفًا ۚ كَانَ ذَٰلِكَ فِى ٱلْكِتَٰبِ مَسْطُورًا ﴿6﴾

33. *Sūratu l-'Aħżāb*

(Suret il-Partiti Magħquda – Niżlet f'Medina bi 73 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Ja Profeta, ibża' minn Alla, u la toqgħodx għal dawk li ma jemmnux, u dawk ta' wiċċ b'ieħor. Tabilħaqq li Alla jaf kollox, Għaref.
2. U imxi fuq dak li jitnebbaħlek minn Sidek *(il-Mulej)*. Tassew li Alla jaf sew b'dak li tagħmlu.
3. Ħalli f'idejn Alla! Alla biżżejjed biex jieħu ħsieb *(il-qaddejja tiegħu)*!
4. Alla ma għamel lil ebda raġel żewġt iqlub f'sidru, lanqas ma għamel in-nisa tagħkom li intom tiddivurzjaw biż-*ẓihār*[59] *(billi tiddikjaraw li huma projbiti għalikom)*, ommijietkom, u lanqas għamel l-ulied li intom tadottaw, uliedkom. Dan *(ma huwa xejn ħlief)* kliemkom *(li tgħidu)* b'fommkom *(u fih ma hemm ebda verità)*, iżda Alla jgħid is-sewwa u juri t-triq *(it-tajba)*.
5. Sejħulhom *(b'isem)* missirijiethom – dan hu aktar ġust quddiem Alla, u jekk ma tafux lil missirijiethom, *(qisuhom bħala)* ħutkom fil-fidi, u mħarsin minnkom. M'intomx ħatja ta' xi żball *(li tistgħu tagħmlu dwar dan)*, iżda *(tkunu ħatja)* ta' dak li qlubkom ikunu fasslu minn qabel. Alla huwa Kollu Maħfra, Ħanin.
6. Il-Profeta jistħoqqlu jieħu ħsieb dawk li jemmnu *(u jħoss aktar għalihom)* milli huma lejhom infushom, u n-nisa tiegħu huma *(bħal)* ommijiethom. Il-qraba huma l-aktar li jistħoqqu *(il-wirt)* mingħand xulxin, skond il-Ktieb ta' Alla, milli huma dawk li jemmnu u dawk *(il-Misilmin)* li emigraw *(minn Mekka, li jissejħu Muhāġirīn)*. Madanakollu *(huwa permess)* li tagħmlu l-ġid ma' sħabkom. Dak jinsab miktub fil-Ktieb.[60]

---

[59] Iż-*ẓihār*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

[60] Fl-ewwel żmien f'Medina, il-Mibgħut ta' Alla (s.f.) iddikjara li l-emigranti Mekkin u nies Medina li kienu għenu lill-Misilmin kienu aħwa, u saħansitra setgħu jirtu lil xulxin. Aktar tard Alla ma ħalliex aktar din id-drawwa, u l-wirt beda jinqasam skond il-qrubija familjari.

وَإِذْ أَخَذْنَا مِنَ ٱلنَّبِيِّـۧنَ مِيثَٰقَهُمْ وَمِنكَ وَمِن نُّوحٍ وَإِبْرَٰهِيمَ
وَمُوسَىٰ وَعِيسَى ٱبْنِ مَرْيَمَ ۖ وَأَخَذْنَا مِنْهُم مِّيثَٰقًا غَلِيظًا ﴿7﴾
لِّيَسْـَٔلَ ٱلصَّٰدِقِينَ عَن صِدْقِهِمْ ۚ وَأَعَدَّ لِلْكَٰفِرِينَ عَذَابًا أَلِيمًا
﴿8﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ٱذْكُرُوا۟ نِعْمَةَ ٱللَّهِ عَلَيْكُمْ إِذْ جَآءَتْكُمْ
جُنُودٌ فَأَرْسَلْنَا عَلَيْهِمْ رِيحًا وَجُنُودًا لَّمْ تَرَوْهَا ۚ وَكَانَ ٱللَّهُ
بِمَا تَعْمَلُونَ بَصِيرًا ﴿9﴾ إِذْ جَآءُوكُم مِّن فَوْقِكُمْ وَمِنْ أَسْفَلَ
مِنكُمْ وَإِذْ زَاغَتِ ٱلْأَبْصَٰرُ وَبَلَغَتِ ٱلْقُلُوبُ ٱلْحَنَاجِرَ
وَتَظُنُّونَ بِٱللَّهِ ٱلظُّنُونَا۠ ﴿10﴾ هُنَالِكَ ٱبْتُلِىَ ٱلْمُؤْمِنُونَ وَزُلْزِلُوا۟
زِلْزَالًا شَدِيدًا ﴿11﴾ وَإِذْ يَقُولُ ٱلْمُنَٰفِقُونَ وَٱلَّذِينَ فِى قُلُوبِهِم
مَّرَضٌ مَّا وَعَدَنَا ٱللَّهُ وَرَسُولُهُۥٓ إِلَّا غُرُورًا ﴿12﴾ وَإِذْ قَالَت طَّآئِفَةٌ
مِّنْهُمْ يَٰٓأَهْلَ يَثْرِبَ لَا مُقَامَ لَكُمْ فَٱرْجِعُوا۟ ۚ وَيَسْتَـْٔذِنُ فَرِيقٌ
مِّنْهُمُ ٱلنَّبِىَّ يَقُولُونَ إِنَّ بُيُوتَنَا عَوْرَةٌ ۛ وَمَا هِىَ بِعَوْرَةٍ ۛ إِن يُرِيدُونَ إِلَّا
فِرَارًا ﴿13﴾ وَلَوْ دُخِلَتْ عَلَيْهِم مِّنْ أَقْطَارِهَا ثُمَّ سُئِلُوا۟ ٱلْفِتْنَةَ
لَءَاتَوْهَا وَمَا تَلَبَّثُوا۟ بِهَآ إِلَّا يَسِيرًا ﴿14﴾ وَلَقَدْ كَانُوا۟ عَٰهَدُوا۟
ٱللَّهَ مِن قَبْلُ لَا يُوَلُّونَ ٱلْأَدْبَٰرَ ۚ وَكَانَ عَهْدُ ٱللَّهِ مَسْـُٔولًا ﴿15﴾

7. *(U ftakar)* meta dħalna f'rabta mal-Profeti, u miegħek, u ma' Noè, Abraham, Mosè, u Ġesù bin Marija; dħalna magħhom f'rabta qawwija,
8. biex *(Alla, fil-Ġudizzju)* jistaqsi lill-*(Profeti)* ġusti *(tiegħu)* dwar is-sinċeritá tagħhom *(fix-xandir tal-messaġġ divin)*, u għall-ħżiena ħejja kastig ta' wġigħ.
9. Intom li temmnu, semmu l-grazzja ta' Alla magħkom meta ġew għalikom suldati *(tal-partiti magħquda f'alleanza kontrikom biex jaħbtu għalikom)*, u Aħna bgħatna fuqhom riħ u suldati *(oħra)* li intom ma rajtux. Alla jara sew dak li tagħmlu.
10. Meta ġewkom minn *(għoljiet)* fuqkom u minn *(widien)* taħtkom, u meta tberrqu l-għajnejn *(bit-twerwir li ħakimkom)*, u l-qlub telgħu fil-griżmejn *(bil-biża' kbir)*, u ħsibtu *(bosta)* ħsibijiet dwar Alla,
11. dak il-ħin kienu mġarrbin dawk li jemmnu, u theżżu theżżiża kbira.
12. U *(ftakar ukoll Muħammad)* meta dawk ta' wiċċ b'ieħor u dawk li għandhom marda fi qlubhom qalu: "Alla u l-Mibgħut tiegħu ma wegħduniex ħlief stħajjil."
13. U meta ġemgħa minnhom qalet: "Ja nies *(il-belt ta')* Jaṯrib *(li wara ssejħet Medina)*, ma hawnx post għalikom! Mela erġgħu lura *(lejn djarkom)*!" U whud minnhom *(ta' wiċċ b'ieħor)* talbu l-permess tal-Profeta *(biex jitilqu u)* qalu*(lu bi skuża)*: "Tabilħaqq li djarna ma humiex imħarsa," minkejja li ma kinux mikxufa, u ma ridux ħlief li jaħarbu *(mit-taqbid)*.
14. Kieku *(l-għedewwa)* daħlu fuqhom minn *(bosta)* inħawi tagħha *(tal-belt ta' Medina)*, u *(ta' wiċċ b'ieħor)* ntalbu *(mill-għedewwa)* iqumu *(u jitqabdu kontra l-Misilmin)*, kienu jagħmlu hekk mingħajr ħafna dewmien u bla ma joqogħdu jaħsbuha.
15. Kienu tassew wegħdu lil Alla, qabel *(it-taqbida tal-Foss)*, li ma jagħtux daharhom *(u jħallu dmirhom, iżda)* il-kelma li tingħata lil Alla għad tkun mistoqsija *(f'Jum il-Qawmien)*.

قُل لَّن يَنفَعَكُمُ ٱلْفِرَارُ إِن فَرَرْتُم مِّنَ ٱلْمَوْتِ أَوِ ٱلْقَتْلِ وَإِذًا
لَّا تُمَتَّعُونَ إِلَّا قَلِيلًا ﴿16﴾ قُلْ مَن ذَا ٱلَّذِي يَعْصِمُكُم مِّنَ ٱللَّهِ إِنْ
أَرَادَ بِكُمْ سُوٓءًا أَوْ أَرَادَ بِكُمْ رَحْمَةً ۚ وَلَا يَجِدُونَ لَهُم مِّن دُونِ ٱللَّهِ
وَلِيًّا وَلَا نَصِيرًا ﴿17﴾ ۞ قَدْ يَعْلَمُ ٱللَّهُ ٱلْمُعَوِّقِينَ مِنكُمْ وَٱلْقَآئِلِينَ
لِإِخْوَٰنِهِمْ هَلُمَّ إِلَيْنَا ۖ وَلَا يَأْتُونَ ٱلْبَأْسَ إِلَّا قَلِيلًا ﴿18﴾ أَشِحَّةً
عَلَيْكُمْ ۖ فَإِذَا جَآءَ ٱلْخَوْفُ رَأَيْتَهُمْ يَنظُرُونَ إِلَيْكَ تَدُورُ أَعْيُنُهُمْ
كَٱلَّذِي يُغْشَىٰ عَلَيْهِ مِنَ ٱلْمَوْتِ ۖ فَإِذَا ذَهَبَ ٱلْخَوْفُ سَلَقُوكُم
بِأَلْسِنَةٍ حِدَادٍ أَشِحَّةً عَلَى ٱلْخَيْرِ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ لَمْ يُؤْمِنُوا۟ فَأَحْبَطَ
ٱللَّهُ أَعْمَٰلَهُمْ ۚ وَكَانَ ذَٰلِكَ عَلَى ٱللَّهِ يَسِيرًا ﴿19﴾ يَحْسَبُونَ ٱلْأَحْزَابَ
لَمْ يَذْهَبُوا۟ ۖ وَإِن يَأْتِ ٱلْأَحْزَابُ يَوَدُّوا۟ لَوْ أَنَّهُم بَادُونَ
فِى ٱلْأَعْرَابِ يَسْـَٔلُونَ عَنْ أَنۢبَآئِكُمْ ۖ وَلَوْ كَانُوا۟ فِيكُم
مَّا قَٰتَلُوٓا۟ إِلَّا قَلِيلًا ﴿20﴾ لَّقَدْ كَانَ لَكُمْ فِى رَسُولِ ٱللَّهِ أُسْوَةٌ
حَسَنَةٌ لِّمَن كَانَ يَرْجُوا۟ ٱللَّهَ وَٱلْيَوْمَ ٱلْءَاخِرَ وَذَكَرَ ٱللَّهَ كَثِيرًا ﴿21﴾
وَلَمَّا رَءَا ٱلْمُؤْمِنُونَ ٱلْأَحْزَابَ قَالُوا۟ هَٰذَا مَا وَعَدَنَا ٱللَّهُ وَرَسُولُهُۥ
وَصَدَقَ ٱللَّهُ وَرَسُولُهُۥ ۚ وَمَا زَادَهُمْ إِلَّآ إِيمَٰنًا وَتَسْلِيمًا ﴿22﴾

ثلاثة أرباع الحزب 42

16. Għid*(ilhom, Muħammad, lil ta' wiċċ b'ieħor)*: "Il-ħarba ma hija se tiswielkom xejn, jekk *(taħsbu li tistgħu)* taħarbu mill-mewt jew mill-qtil! U anki jekk *(taħarbu)*, ma tingħatawx żmien biex tgawdu *(il-ħajja)* jekk mhux għal ftit."

17. Għid*(ilhom)* ukoll: "Min hu dan li jħariskom minn Alla, jekk *(Alla)* iridilkom xi deni, jew iridilkom xi ħniena?" Ma jsibu lil ħadd min iħarishom jew jgħinhom għajr lil Alla.

18. Alla tassew jaf b'dawk *(ta' wiċċ b'ieħor)* fostkom li jfixklu *(lill-Misilmin)*, u li jgħidu lil ħuthom: "Ejjew għandna *(u ħallu lil Muħammad u lil sħabu)*!" U ma jiġux biex jitqabdu, ħlief ftit *(u jagħmlu hekk biex jidhru)*,

19. u huma xħaħ magħkom *(fil-ħniena, fl-imħabba, u fl-għajnuna, għaliex ma jixtiqulkomx il-ġid)*. U meta jiġi l-biża' *(minħabba t-taqbid)*, tarahom iħarsu lejk *(Muħammad)* b'għajnejhom iduru bħal ta' wieħed mitluf minn sensih minħabba l-mewt *(li tkun riesqa lejh)*. Iżda meta l-biża' jħallihom, huma jsawtukom b'ilsna jaqtgħu, fix-xeħħa *(u fil-kilba tagħhom)* għall-ġid *(u għall-priża mirbuħa fit-taqbid)*. Dawk ma jemmnux *(tassew)*, u Alla ġab fix-xejn l-għemejjel tagħhom. Għal Alla, din hija ħaġa ħafifa.

20. Huma jaħsbu li l-partiti *(magħquda)* ma telqux *(minn madwar Medina)*, u jekk *(dawn)* il-partiti *(jerġgħu)* jiġu *(għal ħbit ieħor)*, huma jkunu jixtiequ li kieku jinsabu *('il bogħod)* fost il-bedwini *(Għarab)* tad-dežert, u jistaqsu dwar aħbarkom. U kieku kienu magħkom, ma kinux jitqabdu, għajr ftit *(li xejn, għaliex jibżgħu għal ħajjithom)*.

21. Tabilħaqq li fil-Mibgħut ta' Alla *(Muħammad)* għandkom mudell sabiħ *(biex timxu fuqu u eżempju mill-aħjar)* għal min jittama f'Alla u fl-Aħħar Jum, u jsemmi lil Alla bil-bosta.

22. Meta dawk li emmnu raw il-partiti *(magħquda mħejjija għat-taqbid)*, qalu: "Dan huwa dak li Alla u l-Mibgħut tiegħu wegħduna *(meta qalulna li għandna niġġarrbu u mbagħad noħorġu rebbiħin)*, u Alla u l-Mibgħut tiegħu qalu s-sewwa!" Dan ma żidhomx jekk mhux fit-twemmin u *(fir-rieda qawwija)* li jintelqu *(f'idejn Alla)*.

مِّنَ ٱلْمُؤْمِنِينَ رِجَالٌ صَدَقُوا۟ مَا عَٰهَدُوا۟ ٱللَّهَ عَلَيْهِ ۖ فَمِنْهُم مَّن
قَضَىٰ نَحْبَهُۥ وَمِنْهُم مَّن يَنتَظِرُ ۖ وَمَا بَدَّلُوا۟ تَبْدِيلًا ﴿23﴾ لِّيَجْزِىَ
ٱللَّهُ ٱلصَّٰدِقِينَ بِصِدْقِهِمْ وَيُعَذِّبَ ٱلْمُنَٰفِقِينَ إِن شَآءَ
أَوْ يَتُوبَ عَلَيْهِمْ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ غَفُورًا رَّحِيمًا ﴿24﴾ وَرَدَّ ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ
كَفَرُوا۟ بِغَيْظِهِمْ لَمْ يَنَالُوا۟ خَيْرًا ۚ وَكَفَى ٱللَّهُ ٱلْمُؤْمِنِينَ ٱلْقِتَالَ ۚ
وَكَانَ ٱللَّهُ قَوِيًّا عَزِيزًا ﴿25﴾ وَأَنزَلَ ٱلَّذِينَ ظَٰهَرُوهُم مِّنْ
أَهْلِ ٱلْكِتَٰبِ مِن صَيَاصِيهِمْ وَقَذَفَ فِى قُلُوبِهِمُ ٱلرُّعْبَ
فَرِيقًا تَقْتُلُونَ وَتَأْسِرُونَ فَرِيقًا ﴿26﴾ وَأَوْرَثَكُمْ أَرْضَهُمْ
وَدِيَٰرَهُمْ وَأَمْوَٰلَهُمْ وَأَرْضًا لَّمْ تَطَـُٔوهَا ۚ وَكَانَ ٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ
شَىْءٍ قَدِيرًا ﴿27﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّبِىُّ قُل لِّأَزْوَٰجِكَ إِن كُنتُنَّ تُرِدْنَ
ٱلْحَيَوٰةَ ٱلدُّنْيَا وَزِينَتَهَا فَتَعَالَيْنَ أُمَتِّعْكُنَّ وَأُسَرِّحْكُنَّ
سَرَاحًا جَمِيلًا ﴿28﴾ وَإِن كُنتُنَّ تُرِدْنَ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ وَٱلدَّارَ
ٱلْءَاخِرَةَ فَإِنَّ ٱللَّهَ أَعَدَّ لِلْمُحْسِنَٰتِ مِنكُنَّ أَجْرًا عَظِيمًا ﴿29﴾
يَٰنِسَآءَ ٱلنَّبِىِّ مَن يَأْتِ مِنكُنَّ بِفَٰحِشَةٍ مُّبَيِّنَةٍ يُضَٰعَفْ
لَهَا ٱلْعَذَابُ ضِعْفَيْنِ ۚ وَكَانَ ذَٰلِكَ عَلَى ٱللَّهِ يَسِيرًا ﴿30﴾

23. Fost dawk li jemmnu hemm irġiel li żammu kelmithom li taw lil Alla *(u tqabdu bil-qlubija kollha)*. Hemm minnhom li taw ħajjithom *(fit-taqbid għal Alla)*, u *(oħrajn)* minnhom li qegħdin jistennew *(li jagħmlu bħalhom)* u ma biddlu xejn *(il-fehma u l-kelma tagħhom li taw lil Alla)*,
24. biex Alla jħallas lil nies is-sewwa tas-sewwa tagħhom, u jikkastiga lil ta' wiċċ b'ieħor, jekk irid, jew idur lejhom bil-maħfra. Tabilħaqq li Alla huwa Kollu Maħfra, Ħanin.
25. Alla radd lura lil dawk ta' bla twemmin fl-għadab tagħhom *(u bagħathom minn fejn ġew)*. Huma ma kisbu ebda ġid *(la f'din id-dinja u lanqas fl-Oħra)*. Alla ħeles mit-taqbid lil dawk li jemmnu *(meta bagħat riħ qawwi u qtajja' ta' anġli li ġġieldu għalihom)*. Alla huwa Qawwi u Felħan.
26. Huwa niżżel lil dawk minn fost Nies il-Ktieb li għenuhom *(lil-Lhud ta' Banu Qurajẓa)* mill-fortizzi tagħhom, u fi qlubhom tefa' l-biża'. Uħud qtiltuhom, u jassartu oħrajn.
27. Huwa għamilkom werrieta ta' arthom, djarhom, u ġidhom, kif ukoll art *(oħra, imsejħa Ħajbar)* li ma rfistux fuqha. Alla huwa fuq kollox Setgħan!
28. Ja Profeta, għid lin-nisa tiegħek *(li qegħdin jitolbuk iżżid in-nefqa għalihom)*: "Jekk tridu l-ħajja f'*(din)* id-dinja u ż-żîna *(u t-tlellix)* tagħha, ejjew u nagħtikom in-nefqa li tmur mad-divorzju, u nħallikom tmorru kif jixraq!
29. Iżda jekk tridu lil Alla, lill-Profeta tiegħu, u l-Aħħar Dar *(fil-Ġenna)*, tabilħaqq li Alla ħejja ħlas kbir għal dawk minnkom li jagħmlu t-tajjeb."
30. Ja nisa tal-Profeta, jekk xi ħadd minnkom jagħmel għemil ċar ta' faħx, il-kastig tagħha jkun doppju. Għal Alla din hija ħaġa ħafifa.

۞ وَمَن يَقْنُتْ مِنكُنَّ لِلَّهِ وَرَسُولِهِۦ وَتَعْمَلْ صَٰلِحًا نُّؤْتِهَآ
أَجْرَهَا مَرَّتَيْنِ وَأَعْتَدْنَا لَهَا رِزْقًا كَرِيمًا ﴿31﴾ يَٰنِسَآءَ ٱلنَّبِىِّ
لَسْتُنَّ كَأَحَدٍ مِّنَ ٱلنِّسَآءِ ۚ إِنِ ٱتَّقَيْتُنَّ فَلَا تَخْضَعْنَ بِٱلْقَوْلِ
فَيَطْمَعَ ٱلَّذِى فِى قَلْبِهِۦ مَرَضٌ وَقُلْنَ قَوْلًا مَّعْرُوفًا ﴿32﴾ وَقَرْنَ
فِى بُيُوتِكُنَّ وَلَا تَبَرَّجْنَ تَبَرُّجَ ٱلْجَٰهِلِيَّةِ ٱلْأُولَىٰ ۖ وَأَقِمْنَ
ٱلصَّلَوٰةَ وَءَاتِينَ ٱلزَّكَوٰةَ وَأَطِعْنَ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥٓ ۚ إِنَّمَا
يُرِيدُ ٱللَّهُ لِيُذْهِبَ عَنكُمُ ٱلرِّجْسَ أَهْلَ ٱلْبَيْتِ وَيُطَهِّرَكُمْ
تَطْهِيرًا ﴿33﴾ وَٱذْكُرْنَ مَا يُتْلَىٰ فِى بُيُوتِكُنَّ مِنْ
ءَايَٰتِ ٱللَّهِ وَٱلْحِكْمَةِ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ لَطِيفًا خَبِيرًا ﴿34﴾
إِنَّ ٱلْمُسْلِمِينَ وَٱلْمُسْلِمَٰتِ وَٱلْمُؤْمِنِينَ وَٱلْمُؤْمِنَٰتِ
وَٱلْقَٰنِتِينَ وَٱلْقَٰنِتَٰتِ وَٱلصَّٰدِقِينَ وَٱلصَّٰدِقَٰتِ وَٱلصَّٰبِرِينَ
وَٱلصَّٰبِرَٰتِ وَٱلْخَٰشِعِينَ وَٱلْخَٰشِعَٰتِ وَٱلْمُتَصَدِّقِينَ
وَٱلْمُتَصَدِّقَٰتِ وَٱلصَّٰٓئِمِينَ وَٱلصَّٰٓئِمَٰتِ وَٱلْحَٰفِظِينَ
فُرُوجَهُمْ وَٱلْحَٰفِظَٰتِ وَٱلذَّٰكِرِينَ ٱللَّهَ كَثِيرًا
وَٱلذَّٰكِرَٰتِ أَعَدَّ ٱللَّهُ لَهُم مَّغْفِرَةً وَأَجْرًا عَظِيمًا ﴿35﴾

31. Iżda *(intom, in-nisa tal-Profeta Muħammad)* min minnkom tingħata *(kollha kemm hi)* għal Alla u għall-Mibgħut tiegħu, u tagħmel il-ġid, nagħtuha l-ħlas tagħha għal darbtejn, u ħejjejna għaliha ġid tajjeb u kotran.

32. Ja nisa tal-Profeta, m'intom bħal ebda waħda min-nisa *(l-oħra)*. Jekk tassew tibżgħu minn Alla *(u tobduh)*, mela tintelqux bil-kliem *(ma' min hu barrani għalikom, u tippruvawx tidhru ħelwin)* li ma jmurx jixtieq*(kom)* dak li f'qalbu għandu marda, u għidu *(biss)* kliem xieraq!

33. Ibqgħu fi djarkom *(u toħorġux jekk mhux għall-bżonn)*, u tperrċux ġmielkom *(u tikxfux ġisimkom)* bħalma kien isir qabel, fi żmien l-injuranza *(qabel ma deher l-Islam)*, u agħmlu t-talb, agħtu l-karità, u oqogħdu għal Alla u għall-Mibgħut tiegħu! Alla jrid biss ineħħi minn fuqkom, nies id-dar *(tal-Profeta)*, it-tinġis *(kollu)* u *(jrid)* isaffikom għal kollox.

34. Ftakru wkoll f'dak li jinqara fi djarkom mill-versi ta' Alla, u l-għerf. Tabilħaqq li Alla jaf l-irqaqat kollha, u jaf sew.

35. Tassew li l-irġiel u n-nisa Misilmin, l-irġiel u n-nisa li jemmnu, l-irġiel u n-nisa devoti, l-irġiel u n-nisa li jgħidu s-sewwa u jagħmlu l-ħaqq, l-irġiel u n-nisa li jistabru, l-irġiel u n-nisa umli, l-irġiel u n-nisa li jagħtu karità, l-irġiel u n-nisa li jsumu, l-irġiel u n-nisa li jħarsu s-safa tal-partijiet privati tagħhom, u l-irġiel u n-nisa li jiftakru ħafna f'Alla – Alla ħejja għalihom maħfra u ħlas mill-kbar.

وَمَا كَانَ لِمُؤْمِنٍ وَلَا مُؤْمِنَةٍ إِذَا قَضَى ٱللَّهُ وَرَسُولُهُۥٓ أَمْرًا أَن يَكُونَ
لَهُمُ ٱلْخِيَرَةُ مِنْ أَمْرِهِمْ ۗ وَمَن يَعْصِ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ فَقَدْ ضَلَّ ضَلَٰلًا
مُّبِينًا ﴿36﴾ وَإِذْ تَقُولُ لِلَّذِىٓ أَنْعَمَ ٱللَّهُ عَلَيْهِ وَأَنْعَمْتَ عَلَيْهِ
أَمْسِكْ عَلَيْكَ زَوْجَكَ وَٱتَّقِ ٱللَّهَ وَتُخْفِى فِى نَفْسِكَ مَا ٱللَّهُ
مُبْدِيهِ وَتَخْشَى ٱلنَّاسَ وَٱللَّهُ أَحَقُّ أَن تَخْشَىٰهُ ۖ فَلَمَّا قَضَىٰ زَيْدٌ
مِّنْهَا وَطَرًا زَوَّجْنَٰكَهَا لِكَىْ لَا يَكُونَ عَلَى ٱلْمُؤْمِنِينَ حَرَجٌ فِىٓ
أَزْوَٰجِ أَدْعِيَآئِهِمْ إِذَا قَضَوْا۟ مِنْهُنَّ وَطَرًا ۚ وَكَانَ أَمْرُ ٱللَّهِ مَفْعُولًا
﴿37﴾ مَّا كَانَ عَلَى ٱلنَّبِىِّ مِنْ حَرَجٍ فِيمَا فَرَضَ ٱللَّهُ لَهُۥ ۖ سُنَّةَ ٱللَّهِ فِى
ٱلَّذِينَ خَلَوْا۟ مِن قَبْلُ ۚ وَكَانَ أَمْرُ ٱللَّهِ قَدَرًا مَّقْدُورًا ﴿38﴾ ٱلَّذِينَ
يُبَلِّغُونَ رِسَٰلَٰتِ ٱللَّهِ وَيَخْشَوْنَهُۥ وَلَا يَخْشَوْنَ أَحَدًا إِلَّا ٱللَّهَ ۗ وَكَفَىٰ
بِٱللَّهِ حَسِيبًا ﴿39﴾ مَّا كَانَ مُحَمَّدٌ أَبَآ أَحَدٍ مِّن رِّجَالِكُمْ وَلَٰكِن
رَّسُولَ ٱللَّهِ وَخَاتَمَ ٱلنَّبِيِّـۧنَ ۗ وَكَانَ ٱللَّهُ بِكُلِّ شَىْءٍ عَلِيمًا ﴿40﴾
يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ٱذْكُرُوا۟ ٱللَّهَ ذِكْرًا كَثِيرًا ﴿41﴾ وَسَبِّحُوهُ بُكْرَةً
وَأَصِيلًا ﴿42﴾ هُوَ ٱلَّذِى يُصَلِّى عَلَيْكُمْ وَمَلَٰٓئِكَتُهُۥ لِيُخْرِجَكُم
مِّنَ ٱلظُّلُمَٰتِ إِلَى ٱلنُّورِ ۚ وَكَانَ بِٱلْمُؤْمِنِينَ رَحِيمًا ﴿43﴾

36. Meta Alla u l-Mibgħut tiegħu jaqtgħu *(li għandha sseħħ)* xi ħaġa, ebda raġel jew mara li jemmnu ma jixraq li jkollhom għażla fil-kwistjoni tagħhom. Min ma joqgħodx għal Alla u għall-Mibgħut tiegħu, ikun mitluf f'telfien *(mill-aktar)* ċar.

37. *(Ftakar Muħammad)* meta għedt lil dak *(Żajd)* li Alla kien tah grazzja, u li inti wrejt tjieba miegħu *(u rabbejtu bħal iben)*: "Ibqa' ma' martek u ibża' minn Alla *(u obdih)*," filwaqt li kont qiegħed taħbi fik innifsek dak li Alla kien se juri, u bżajt min-nies *(għaliex jgħidu li Muħammad iżżewweġ il-mara tat-tifel addottat tiegħu, ftakar li)* Alla jistħoqqlu iżjed li tibża' minnu! Meta *(imbagħad)* Żajd qata' xewqtu minnha u *(telaqha)*, Aħna żewwiġnihielek, biex *(fil-ġejjieni)* ma jkun hemm ebda xkiel għal dawk li jemmnu *(dwar iż-żwieġ ma')* in-nisa ta' wliedhom tar-rispett, meta dawn jaqtgħu xewqithom minnhom *(u jitilquhom)*. L-amar ta' Alla jsir dejjem![61]

38. Ma hemm ebda xkiel għall-Profeta f'dak li Alla ordnalu. Dik kienet id-drawwa ta' Alla ma' dawk *(il-Profeti)* li għexu qabel, u l-amar ta' Alla kien maħsub minn qabel u żgur iseħħ!

39. Dawk *(il-Profeti)* li jħabbru l-messaġġi ta' Alla, jibżgħu minnu *(u jobduh f'kollox)* u ma jibżgħu minn ħadd ħlief minn Alla. Alla huwa biżżejjed biex jagħmel il-kontijiet.

40. Muħammad ma huwa missier ħadd mill-irġiel tagħkom, iżda huwa l-Mibgħut ta' Alla u s-siġill tal-Profeti *(f'sensiela twila ta' Profeti ta' Alla)*. Alla jaf kollox.

41. Intom li temmnu, ftakru ħafna f'Alla *(u faħħruh)*,

42. u sebbħuh filgħodu u filgħaxija!

43. Huwa li jsawwab il-barka tiegħu fuqkom, u l-anġli *(jagħmlu bħalu)*, biex joħroġkom mid-dlamijiet għad-dawl. Huwa Ħanin ma' dawk li jemmnu.

---

[61] Ara n-nota dwar dan il-vers taħt "Żajd bin Ħāriṯa" fit-Tagħrif Ġenerali.

تَحِيَّتُهُمْ يَوْمَ يَلْقَوْنَهُۥ سَلَٰمٌ ۚ وَأَعَدَّ لَهُمْ أَجْرًا كَرِيمًا ﴿44﴾ يَٰٓأَيُّهَا
ٱلنَّبِيُّ إِنَّآ أَرْسَلْنَٰكَ شَٰهِدًا وَمُبَشِّرًا وَنَذِيرًا ﴿45﴾ وَدَاعِيًا
إِلَى ٱللَّهِ بِإِذْنِهِۦ وَسِرَاجًا مُّنِيرًا ﴿46﴾ وَبَشِّرِ ٱلْمُؤْمِنِينَ بِأَنَّ لَهُم
مِّنَ ٱللَّهِ فَضْلًا كَبِيرًا ﴿47﴾ وَلَا تُطِعِ ٱلْكَٰفِرِينَ وَٱلْمُنَٰفِقِينَ
وَدَعْ أَذَىٰهُمْ وَتَوَكَّلْ عَلَى ٱللَّهِ ۚ وَكَفَىٰ بِٱللَّهِ وَكِيلًا ﴿48﴾
يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِذَا نَكَحْتُمُ ٱلْمُؤْمِنَٰتِ ثُمَّ طَلَّقْتُمُوهُنَّ
مِن قَبْلِ أَن تَمَسُّوهُنَّ فَمَا لَكُمْ عَلَيْهِنَّ مِنْ عِدَّةٍ تَعْتَدُّونَهَا ۖ
فَمَتِّعُوهُنَّ وَسَرِّحُوهُنَّ سَرَاحًا جَمِيلًا ﴿49﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّبِيُّ إِنَّآ
أَحْلَلْنَا لَكَ أَزْوَٰجَكَ ٱلَّٰتِىٓ ءَاتَيْتَ أُجُورَهُنَّ وَمَا مَلَكَتْ
يَمِينُكَ مِمَّآ أَفَآءَ ٱللَّهُ عَلَيْكَ وَبَنَاتِ عَمِّكَ وَبَنَاتِ عَمَّٰتِكَ
وَبَنَاتِ خَالِكَ وَبَنَاتِ خَٰلَٰتِكَ ٱلَّٰتِى هَاجَرْنَ مَعَكَ وَٱمْرَأَةً
مُّؤْمِنَةً إِن وَهَبَتْ نَفْسَهَا لِلنَّبِىِّ إِنْ أَرَادَ ٱلنَّبِىُّ أَن يَسْتَنكِحَهَا
خَالِصَةً لَّكَ مِن دُونِ ٱلْمُؤْمِنِينَ ۖ قَدْ عَلِمْنَا مَا فَرَضْنَا
عَلَيْهِمْ فِىٓ أَزْوَٰجِهِمْ وَمَا مَلَكَتْ أَيْمَٰنُهُمْ لِكَيْلَا
يَكُونَ عَلَيْكَ حَرَجٌ ۗ وَكَانَ ٱللَّهُ غَفُورًا رَّحِيمًا ﴿50﴾

44. It-tislima tagħhom dakinhar li jiltaqgħu miegħu tkun: "Sliem!" Huwa ħejja għalihom ħlas tajjeb u kotran.

45. Ja Profeta, Aħna tabilħaqq bgħatniek biex tixhed, tħabbar il-bxara t-tajba, u twissi,

46. u *(biex)* issejjaħ *(lill-bnedmin iduru)* lejn Alla, bir-rieda tiegħu, u *(tkun bħal)* musbieħ jiddi.

47. Agħti l-bxara t-tajba lil dawk li jemmnu *(u għidilhom)* li għalihom hemm tjieba kbira minn Alla.

48. La toqgħodx għal dawk li ċaħdu t-twemmin, u għal dawk ta' wiċċ b'ieħor! Ħallik mill-ħsara tagħhom *(kontrik)*, u ħalli f'idejn Alla! Alla biżżejjed biex jieħu ħsieb *(kollox)*.

49. Intom li temmnu, meta tiżżewġu nisa li jemmnu, imbagħad titilquhom qabel ma tmissuhom, ma tistgħux torbtuhom bi żmien ta' stennija. Mela agħtuhom xi għotja *(bħala kumpens)* u itilquhom kif jixraq.

50. Ja Profeta, Aħna ppermettejnielek in-nisa tiegħek: dawk li tagħti d-dota tagħhom, dawk l-ilsiera li għandek f'idek il-leminija minn dawk li tak Alla, il-bniet ta' ħu missierek u ta' l-aħwa bniet ta' missierek, il-bniet ta' ħu ommok u ta' l-aħwa bniet ta' ommok, li emigraw miegħek *(minn Mekka għal Medina)*, u mara li temmen li tagħti lilha nnifisha lill-Profeta *(mingħajr dota)*, jekk il-Profeta jkun irid jiżżewwiġha. *(Dan il-privileġġ ikun)* għalik biss u mhux għal dawk li jemmnu. Aħna nafu dak li ordnajnielhom dwar in-nisa tagħhom u l-ilsiera li għandhom taħt idejhom *(imma inti, Muħammad, għandek privileġġi speċjali)* biex ma jkun hemm ebda xkiel għalik. Alla huwa Kollu Maħfra u Ħanin.

ربع الحزب 43

۞ تُرْجِي مَن تَشَآءُ مِنْهُنَّ وَتُـْٔوِيٓ إِلَيْكَ مَن تَشَآءُ ۖ وَمَنِ ٱبْتَغَيْتَ
مِمَّنْ عَزَلْتَ فَلَا جُنَاحَ عَلَيْكَ ۚ ذَٰلِكَ أَدْنَىٰٓ أَن تَقَرَّ أَعْيُنُهُنَّ
وَلَا يَحْزَنَّ وَيَرْضَيْنَ بِمَآ ءَاتَيْتَهُنَّ كُلُّهُنَّ ۚ وَٱللَّهُ يَعْلَمُ
مَا فِى قُلُوبِكُمْ ۚ وَكَانَ ٱللَّهُ عَلِيمًا حَلِيمًا ﴿51﴾ لَّا يَحِلُّ لَكَ
ٱلنِّسَآءُ مِنۢ بَعْدُ وَلَآ أَن تَبَدَّلَ بِهِنَّ مِنْ أَزْوَٰجٍ وَلَوْ أَعْجَبَكَ
حُسْنُهُنَّ إِلَّا مَا مَلَكَتْ يَمِينُكَ ۗ وَكَانَ ٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ رَّقِيبًا
﴿52﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَا تَدْخُلُوا۟ بُيُوتَ ٱلنَّبِىِّ إِلَّآ أَن
يُؤْذَنَ لَكُمْ إِلَىٰ طَعَامٍ غَيْرَ نَٰظِرِينَ إِنَىٰهُ وَلَٰكِنْ إِذَا دُعِيتُمْ
فَٱدْخُلُوا۟ فَإِذَا طَعِمْتُمْ فَٱنتَشِرُوا۟ وَلَا مُسْتَـْٔنِسِينَ لِحَدِيثٍ ۚ إِنَّ
ذَٰلِكُمْ كَانَ يُؤْذِى ٱلنَّبِىَّ فَيَسْتَحْىِۦ مِنكُمْ ۖ وَٱللَّهُ لَا
يَسْتَحْىِۦ مِنَ ٱلْحَقِّ ۚ وَإِذَا سَأَلْتُمُوهُنَّ مَتَٰعًا فَسْـَٔلُوهُنَّ مِن
وَرَآءِ حِجَابٍ ۚ ذَٰلِكُمْ أَطْهَرُ لِقُلُوبِكُمْ وَقُلُوبِهِنَّ ۚ وَمَا كَانَ
لَكُمْ أَن تُؤْذُوا۟ رَسُولَ ٱللَّهِ وَلَآ أَن تَنكِحُوٓا۟ أَزْوَٰجَهُۥ
مِنۢ بَعْدِهِۦٓ أَبَدًا ۚ إِنَّ ذَٰلِكُمْ كَانَ عِندَ ٱللَّهِ عَظِيمًا ﴿53﴾ إِن
تُبْدُوا۟ شَيْـًٔا أَوْ تُخْفُوهُ فَإِنَّ ٱللَّهَ كَانَ بِكُلِّ شَىْءٍ عَلِيمًا ﴿54﴾

51. Inti *(għandek il-jedd)* iżżomm lura lil min trid minnhom, u tilqa' għandek lil min trid *(minnhom)*, u ma għandek ebda ħtija jekk tixtieq xi waħda minn dawk *(in-nisa tiegħek)* li tkun infridt *(minnhom għal xi żmien)*. Dan huwa eqreb lejn dak li tixtieq qalbhom, u ma jitnikktux, u lkoll jithennew b'dak li inti *(Muħammad)* tajthom. U Alla jaf x'hemm fi qlubkom. Alla jaf kollox u Kollu Sabar mal-midinbin.

52. Minn issa 'l quddiem ma jistax ikollok nisa oħra, u *(in-nisa li għandek)* ma tistax tibdilhom ma' nisa oħra, anki jekk jogħġbok ġmielhom, ħlief l-ilsiera li għandek f'idek il-leminija. Alla jgħasses fuq kollox.

53. Intom li temmnu, tidħlux fi djar il-Profeta ħlief jekk tkunu mistednin għall-ikel, mingħajr ma *(taslu kmieni ħafna u toqogħdu)* tistennewh isir. Iżda meta tkunu mistednin, idħlu *(u kulu)*, u meta tkunu kiltu, xterdu *(lejn djarkom)* bla ma tfittxu t-taħdit bejnietkom għall-wens. Tabilħaqq li dak *(id-dewmien wara l-ikel)* kien idejjaq lill-Profeta, iżda jistħi minnkom *(u ma jgħidilkomx biex titilqu)*. Iżda Alla ma jistħix mis-sewwa *(u jgħidu)*! U meta *(lin-nisa tal-Profeta)* titolbuhom xi ħaġa, araw li titolbuhom minn wara xi velu. Dak ikun *(għemil)* aktar safi għal qlubkom u qlubhom. Ma jixraqx li ddejqu lill-Profeta ta' Alla, u lanqas qatt ma għandkom tiżżewġu n-nisa tiegħu, warajh. Tabilħaqq li dik tkun ħaġa tassew kbira quddiem Alla.

54. Jekk turu xi ħaġa, jew jekk taħbuha, Alla tabilħaqq jaf b'kollox.

لَّا جُنَاحَ عَلَيْهِنَّ فِي ءَابَآئِهِنَّ وَلَآ أَبْنَآئِهِنَّ وَلَآ إِخْوَٰنِهِنَّ وَلَآ أَبْنَآءِ
إِخْوَٰنِهِنَّ وَلَآ أَبْنَآءِ أَخَوَٰتِهِنَّ وَلَا نِسَآئِهِنَّ وَلَا مَا مَلَكَتْ
أَيْمَٰنُهُنَّ ۚ وَٱتَّقِينَ ٱللَّهَ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ شَهِيدًا
(55) إِنَّ ٱللَّهَ وَمَلَٰٓئِكَتَهُۥ يُصَلُّونَ عَلَى ٱلنَّبِىِّ ۚ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ صَلُّوا۟ عَلَيْهِ وَسَلِّمُوا۟ تَسْلِيمًا (56) إِنَّ ٱلَّذِينَ يُؤْذُونَ
ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ لَعَنَهُمُ ٱللَّهُ فِى ٱلدُّنْيَا وَٱلْءَاخِرَةِ وَأَعَدَّ لَهُمْ عَذَابًا
مُّهِينًا (57) وَٱلَّذِينَ يُؤْذُونَ ٱلْمُؤْمِنِينَ وَٱلْمُؤْمِنَٰتِ
بِغَيْرِ مَا ٱكْتَسَبُوا۟ فَقَدِ ٱحْتَمَلُوا۟ بُهْتَٰنًا وَإِثْمًا مُّبِينًا (58)
يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّبِىُّ قُل لِّأَزْوَٰجِكَ وَبَنَاتِكَ وَنِسَآءِ ٱلْمُؤْمِنِينَ يُدْنِينَ
عَلَيْهِنَّ مِن جَلَٰبِيبِهِنَّ ۚ ذَٰلِكَ أَدْنَىٰٓ أَن يُعْرَفْنَ فَلَا يُؤْذَيْنَ ۗ وَكَانَ
ٱللَّهُ غَفُورًا رَّحِيمًا (59) ۞ لَّئِن لَّمْ يَنتَهِ ٱلْمُنَٰفِقُونَ وَٱلَّذِينَ
فِى قُلُوبِهِم مَّرَضٌ وَٱلْمُرْجِفُونَ فِى ٱلْمَدِينَةِ لَنُغْرِيَنَّكَ
بِهِمْ ثُمَّ لَا يُجَاوِرُونَكَ فِيهَآ إِلَّا قَلِيلًا (60) مَّلْعُونِينَ ۖ
أَيْنَمَا ثُقِفُوٓا۟ أُخِذُوا۟ وَقُتِّلُوا۟ تَقْتِيلًا (61) سُنَّةَ ٱللَّهِ فِى
ٱلَّذِينَ خَلَوْا۟ مِن قَبْلُ ۖ وَلَن تَجِدَ لِسُنَّةِ ٱللَّهِ تَبْدِيلًا (62)

نصف الحزب 43

55. *(Dawk in-nisa)* ma għandhom ebda ħtija *(jekk jidhru mingħajr velu)* quddiem missirijiethom, uliedhom, ħuthom, ulied ħuthom is-subien, ulied ħuthom il-bniet, in-nisa tagħhom, jew l-ilsiera li għandhom fil-leminija tagħhom. *(Intom in-nisa)* ibżgħu minn Alla! Tabilħaqq li Alla huwa Xhud ta' kollox.

56. Tassew li Alla u l-anġli tiegħu jbierku lill-Profeta.[62] Intom li temmnu, birkuh *(intom ukoll billi titolbu lil Alla biex iħenn għalih u jagħtih ġieħ)*, u sellmu*(lu)* tislima *(tajba u kif jixraq)*.

57. Dawk li joffendu lil Alla u lill-Mibgħut tiegħu, Alla jisħethom f'*(din)* id-dinja u fl-Oħra, u ħejjielhom kastig ta' għajb.

58. U dawk li joffendu lill-irġiel u lin-nisa li jemmnu, għalxejn b'xejn, jitgħabbew *(b'toqol)* ta' gideb u ta' ħtija mill-aktar ċara.

59. Ja Profeta, għid lin-nisa u lill-bniet tiegħek, u lin-nisa ta' dawk li jemmnu biex jilbsu l-*ġilbāb* tagħhom *(għaliex dan l-ilbies jgħatti ġisimhom kollu)*. B'dan jingħarfu aħjar *(bis-safa tagħhom)*, u ma jitkasbrux *(għaliex ma jkunux ittantati)*. Alla huwa Kollu Maħfra u Ħanin.

60. Jekk dawk ta' wiċċ b'ieħor u dawk li għandhom marda fi qlubhom, kif ukoll ix-xewwiexa *(kontra l-Islam)* f'Medina ma humiex se jieqfu, tassew li nqanqluk kontrihom. Imbagħad ma jdumux ġirien tiegħek fiha *(dik il-belt)* ħlief għal ftit *(żmien)*.

61. Misħutin *(dawk in-nies)*, u kull fejn jinsabu, jinqabdu u jinqatlu *(bla ħniena)*.

62. *(Din hija)* id-drawwa ta' Alla ma' dawk *(il-ġnus)* li għexu qabel, u m'intix se ssib tibdil fil-liġi ta' Alla.

---

[62] *Tassew li Alla u l-anġli tiegħu jbierku lill-Profeta.* Fit-test oriġinali bl-Għarbi il-verb *juṣallūna* għandu żewġ suġġetti: Alla u l-anġli. Mas-suġġett *Alla*, il-verb ifisser "Alla jħenn għall-Profeta u jagħtih ġieħ", filwaqt li mas-suġġett *l-anġli*, il-verb ifisser "jitolbu l-maħfra ta' Alla fuqu".

يَسْـَٔلُكَ ٱلنَّاسُ عَنِ ٱلسَّاعَةِ ۖ قُلْ إِنَّمَا عِلْمُهَا عِندَ ٱللَّهِ ۚ وَمَا يُدْرِيكَ
لَعَلَّ ٱلسَّاعَةَ تَكُونُ قَرِيبًا ﴿63﴾ إِنَّ ٱللَّهَ لَعَنَ ٱلْكَـٰفِرِينَ وَأَعَدَّ
لَهُمْ سَعِيرًا ﴿64﴾ خَـٰلِدِينَ فِيهَآ أَبَدًا ۖ لَّا يَجِدُونَ وَلِيًّا وَلَا نَصِيرًا
﴿65﴾ يَوْمَ تُقَلَّبُ وُجُوهُهُمْ فِى ٱلنَّارِ يَقُولُونَ يَـٰلَيْتَنَآ أَطَعْنَا ٱللَّهَ
وَأَطَعْنَا ٱلرَّسُولَا۠ ﴿66﴾ وَقَالُوا۟ رَبَّنَآ إِنَّآ أَطَعْنَا سَادَتَنَا وَكُبَرَآءَنَا
فَأَضَلُّونَا ٱلسَّبِيلَا۠ ﴿67﴾ رَبَّنَـٰٓا ءَاتِهِمْ ضِعْفَيْنِ مِنَ ٱلْعَذَابِ
وَٱلْعَنْهُمْ لَعْنًا كَبِيرًا ﴿68﴾ يَـٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَا تَكُونُوا۟ كَٱلَّذِينَ
ءَاذَوْا۟ مُوسَىٰ فَبَرَّأَهُ ٱللَّهُ مِمَّا قَالُوا۟ ۚ وَكَانَ عِندَ ٱللَّهِ وَجِيهًا ﴿69﴾
يَـٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَقُولُوا۟ قَوْلًا سَدِيدًا ﴿70﴾ يُصْلِحْ
لَكُمْ أَعْمَـٰلَكُمْ وَيَغْفِرْ لَكُمْ ذُنُوبَكُمْ ۗ وَمَن يُطِعِ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ
فَقَدْ فَازَ فَوْزًا عَظِيمًا ﴿71﴾ إِنَّا عَرَضْنَا ٱلْأَمَانَةَ عَلَى ٱلسَّمَـٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضِ وَٱلْجِبَالِ فَأَبَيْنَ أَن يَحْمِلْنَهَا وَأَشْفَقْنَ مِنْهَا وَحَمَلَهَا
ٱلْإِنسَـٰنُ ۖ إِنَّهُۥ كَانَ ظَلُومًا جَهُولًا ﴿72﴾ لِّيُعَذِّبَ ٱللَّهُ ٱلْمُنَـٰفِقِينَ
وَٱلْمُنَـٰفِقَـٰتِ وَٱلْمُشْرِكِينَ وَٱلْمُشْرِكَـٰتِ وَيَتُوبَ ٱللَّهُ
عَلَى ٱلْمُؤْمِنِينَ وَٱلْمُؤْمِنَـٰتِ ۚ وَكَانَ ٱللَّهُ غَفُورًا رَّحِيمًا ﴿73﴾

63. In-nies jistaqsuk *(Muħammad)* dwar is-Siegħa *(tal-qawmien mill-imwiet)*. Għidilhom: "L-għarfien dwarha jinsab biss għand Alla!" U xi jġiegħlek tkun taf *(meta se tasal is-Siegħa)*? Jista' jkun li s-Siegħa tinsab qrib.

64. Tabilħaqq li Alla seħet lil dawk li jiċħdu t-twemmin u ħejja għalihom Nar iħeġġeġ.

65. Fih jibqgħu għal dejjem, bla ma jsibu min iħarishom u min jgħinhom.

66. Fil-Jum meta l-uċuħ tagħhom jitqallbu *(u jiddawru)* fin-Nar, huma jgħidu: "Mhux li obdejna lil Alla, u obdejna lill-Mibgħut *(tiegħu ukoll)*!"

67. Huma jgħidu: "Ja Sidna, aħna obdejna lis-sidien u lill-kbarat tagħna u *(dawn)* tellfuna t-triq *(it-tajba)*.

68. Sidna *(il-Mulej)*, agħtihom kastig doppju, iswethom saħta kbira!"

69. Intom li temmnu, la tkunux bħal dawk li weġġgħu lil Mosè *(u gidbu fuqu)*. Alla ħelsu minn dak li qalu *(kontrih)*. Huwa kien bniedem ta' ġieħ quddiem Alla.

70. Intom li temmnu, ibżgħu minn Alla *(u obduh f'kollox)*, u għidu kliem sewwa!

71. Huwa jsewwi l-għemejjel tagħkom u jaħfrilkom dnubietkom. Min joqgħod għal Alla u għall-Mibgħut tiegħu, ikun rebaħ rebħa mill-kbar!

72. Aħna offrejna r-responsabbiltà *(għall-obbligazzjonijiet tagħna)* lis-smewwiet, lill-art u lill-iġbla, u dawn ma ridux *(jilqgħuha u)* iġorruha, u beżgħu minnha. Iżda l-bniedem tgħabba biha. Huwa tabilħaqq wisq inġust u ma jafx bil-bosta.

73. *(Dak seħħ)* biex Alla jikkastiga lill-irġiel u lin-nisa ta' wiċċ b'ieħor, u lill-irġiel u lin-nisa li jxierku *(allat oħra ma' Alla)*, filwaqt li Alla jdur bil-maħfra lejn l-irġiel u n-nisa li jemmnu. Alla huwa Kollu Maħfra, Ħanin.

سُورَةُ سَبَإٍ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ ٱلَّذِى لَهُۥ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِى ٱلْأَرْضِ وَلَهُ ٱلْحَمْدُ
فِى ٱلْءَاخِرَةِ ۚ وَهُوَ ٱلْحَكِيمُ ٱلْخَبِيرُ ﴿1﴾ يَعْلَمُ مَا يَلِجُ فِى ٱلْأَرْضِ
وَمَا يَخْرُجُ مِنْهَا وَمَا يَنزِلُ مِنَ ٱلسَّمَآءِ وَمَا يَعْرُجُ فِيهَا ۚ وَهُوَ
ٱلرَّحِيمُ ٱلْغَفُورُ ﴿2﴾ وَقَالَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لَا تَأْتِينَا ٱلسَّاعَةُ ۖ
قُلْ بَلَىٰ وَرَبِّى لَتَأْتِيَنَّكُمْ ۖ عَٰلِمِ ٱلْغَيْبِ ۖ لَا يَعْزُبُ عَنْهُ مِثْقَالُ
ذَرَّةٍ فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَلَا فِى ٱلْأَرْضِ وَلَآ أَصْغَرُ مِن ذَٰلِكَ
وَلَآ أَكْبَرُ إِلَّا فِى كِتَٰبٍ مُّبِينٍ ﴿3﴾ لِّيَجْزِىَ ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ لَهُم مَّغْفِرَةٌ وَرِزْقٌ
كَرِيمٌ ﴿4﴾ وَٱلَّذِينَ سَعَوْ فِىٓ ءَايَٰتِنَا مُعَٰجِزِينَ أُو۟لَٰٓئِكَ
لَهُمْ عَذَابٌ مِّن رِّجْزٍ أَلِيمٌ ﴿5﴾ وَيَرَى ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْعِلْمَ
ٱلَّذِىٓ أُنزِلَ إِلَيْكَ مِن رَّبِّكَ هُوَ ٱلْحَقَّ وَيَهْدِىٓ إِلَىٰ صِرَٰطِ
ٱلْعَزِيزِ ٱلْحَمِيدِ ﴿6﴾ وَقَالَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ هَلْ نَدُلُّكُمْ عَلَىٰ رَجُلٍ
يُنَبِّئُكُمْ إِذَا مُزِّقْتُمْ كُلَّ مُمَزَّقٍ ۙ إِنَّكُمْ لَفِى خَلْقٍ جَدِيدٍ ﴿7﴾

34. *Sūratu Saba'*

(Suret Saba – Niżlet f'Mekka b'54 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Tifħir lil Alla li tiegħu hu kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art, u tiegħu t-tifħir fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)*. Huwa l-Għaref, li jaf sew *(dwar kollox u kulħadd)*.
2. Huwa jaf b'dak li jidħol fl-art u b'dak li joħroġ minnha, b'dak li jinżel mis-sema u b'dak li jitla' fiha. Huwa l-Ħanin, Kollu Maħfra.
3. Dawk li jiċħdu t-twemmin qalu: "Is-Siegħa qatt ma hija se tiġi fuqna!" Għid*(ilhom)*: "Iva, *(naħlef)* fuq Sidi *(il-Mulej)* li tassew tiġi fuqkom, *(u dan naħilfu)* fuq *(dak Sidi)* li jaf il-ħwejjeġ mistura! Ma jaqbiżlu *(xejn, lanqas)* it-toqol ta' atomu, la fis-smewwiet u lanqas fl-art, u ma hemmx iżgħar minn dak, u lanqas akbar, li ma jinsabx fi Ktieb mill-aktar ċar!
4. Dan biex jagħti l-ħlas *(xieraq)* lil dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid. Dawk ikollhom maħfra u ġid tajjeb u kotran."
5. Iżda dawk li jħabirku biex ifixklu *(u jxejnu)* is-sinjali tagħna, ikollhom kastig ta' wġigħ.
6. Dawk li ngħataw l-għarfien jaraw li dak *(il-Ktieb)* li tniżżillek *(Muħammad)* mingħand Sidek huwa s-sewwa, u jmexxi lejn it-triq tal-Felħan, li jistħoqq kull tifħir.
7. Dawk li jiċħdu t-twemmin qalu *(bi tkasbir)*: "Tridux nurukom raġel li jħabbrilkom li, meta tkunu tfarraktu għal kollox *(fl-oqbra wara mewtkom)*, terġgħu tkunu f'ħolqien ġdid?"

أَفْتَرَىٰ عَلَى ٱللَّهِ كَذِبًا أَم بِهِۦ جِنَّةٌ ۗ بَلِ ٱلَّذِينَ لَا يُؤْمِنُونَ بِٱلْءَاخِرَةِ
فِى ٱلْعَذَابِ وَٱلضَّلَٰلِ ٱلْبَعِيدِ ﴿8﴾ أَفَلَمْ يَرَوْا۟ إِلَىٰ مَا بَيْنَ أَيْدِيهِمْ
وَمَا خَلْفَهُم مِّنَ ٱلسَّمَآءِ وَٱلْأَرْضِ ۚ إِن نَّشَأْ نَخْسِفْ بِهِمُ
ٱلْأَرْضَ أَوْ نُسْقِطْ عَلَيْهِمْ كِسَفًا مِّنَ ٱلسَّمَآءِ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ
لَءَايَةً لِّكُلِّ عَبْدٍ مُّنِيبٍ ﴿9﴾ ۞ وَلَقَدْ ءَاتَيْنَا دَاوُۥدَ مِنَّا فَضْلًا ۖ
يَٰجِبَالُ أَوِّبِى مَعَهُۥ وَٱلطَّيْرَ ۖ وَأَلَنَّا لَهُ ٱلْحَدِيدَ ﴿10﴾ أَنِ ٱعْمَلْ
سَٰبِغَٰتٍ وَقَدِّرْ فِى ٱلسَّرْدِ ۖ وَٱعْمَلُوا۟ صَٰلِحًا ۖ إِنِّى بِمَا تَعْمَلُونَ
بَصِيرٌ ﴿11﴾ وَلِسُلَيْمَٰنَ ٱلرِّيحَ غُدُوُّهَا شَهْرٌ وَرَوَاحُهَا شَهْرٌ ۖ
وَأَسَلْنَا لَهُۥ عَيْنَ ٱلْقِطْرِ ۖ وَمِنَ ٱلْجِنِّ مَن يَعْمَلُ بَيْنَ يَدَيْهِ بِإِذْنِ
رَبِّهِۦ ۖ وَمَن يَزِغْ مِنْهُمْ عَنْ أَمْرِنَا نُذِقْهُ مِنْ عَذَابِ ٱلسَّعِيرِ ﴿12﴾
يَعْمَلُونَ لَهُۥ مَا يَشَآءُ مِن مَّحَٰرِيبَ وَتَمَٰثِيلَ وَجِفَانٍ كَٱلْجَوَابِ
وَقُدُورٍ رَّاسِيَٰتٍ ۚ ٱعْمَلُوٓا۟ ءَالَ دَاوُۥدَ شُكْرًا ۚ وَقَلِيلٌ مِّنْ عِبَادِىَ
ٱلشَّكُورُ ﴿13﴾ فَلَمَّا قَضَيْنَا عَلَيْهِ ٱلْمَوْتَ مَا دَلَّهُمْ عَلَىٰ مَوْتِهِۦٓ
إِلَّا دَآبَّةُ ٱلْأَرْضِ تَأْكُلُ مِنسَأَتَهُۥ ۖ فَلَمَّا خَرَّ تَبَيَّنَتِ ٱلْجِنُّ
أَن لَّوْ كَانُوا۟ يَعْلَمُونَ ٱلْغَيْبَ مَا لَبِثُوا۟ فِى ٱلْعَذَابِ ٱلْمُهِينِ ﴿14﴾

ثلاثة أرباع
الحزب
43

8. Jaqaw *(dan)* qala' xi gidba dwar Alla, jew inħakem mill-ispirti? Le *(mhux hekk)*! Dawk li ma jemmnux fil-*(Ħajja)* l-Oħra jinsabu fil-kastig, u f'telfien kbir.
9. Mela ma jarawx x'hemm quddiemhom u warajhom fis-sema u fl-art? Jekk irridu, inġiegħlu l-art tiblagħhom, jew inwaqqgħu għal fuqhom bċejjeċ mis-sema. Tabilħaqq li f'dan hawn sinjal għal kull qaddej niedem.
10. Aħna tassew tajna lil David tjieba mingħandna *(meta għedna)*: "Ja iġbla u tjur, faħħru *(lil Alla)* flimkien miegħu!" *(Mhux biss, iżda)* rattabnielu l-ħadid,
11. *(u għednielu)*: "Agħmel *(minnu)* kurazzi, u kejjel sewwa l-ħoloq *(tagħhom)*! U *(intom ilkoll)*, agħmlu l-ġid! Jiena tabilħaqq nara kulma tagħmlu!"
12. Lil Salamun *(tajnieh is-setgħa)* fuq ir-riħ: filgħodu jonfoħ u jasal f'bogħod milħuq f'xahar *(safar)*, u filgħaxija jonfoħ u jasal f'bogħod milħuq f'xahar *(safar)*. Aħna ġegħelna għajn ta' ram imdewweb igelgel għaliħ, u minn fost il-*ġinn* hemm min jaħdem quddiemu, bir-rieda ta' Sidi. U min minnhom iwarrab l-amar tagħna, indewquh mill-kastig tan-Nar iħeġġeġ.
13. Huma għamlulu kulma kien jixtieq: arkati, statwi, skutelli kbar bħal ġwiebi, u kaldaruni *(ta' l-ikel)* imqegħdin sew *(f'posthom)*. "Ja nies David, aħdmu b'radd ta' ħajr!" Iżda huma ftit il-qaddejja tiegħi li jagħtu ħajr.
14. U meta qtajna li huwa *(Salamun)* għandu jmut, ħadd ħlief dudu ta' l-art, li nawwarlu l-ħatar tiegħu, ma wriehom li kien miet. U meta *(Salamun)* waqa', il-*ġinn* intebħu li, kieku kienu jafu l-ħwejjeġ mistura, ma kinux jibqgħu fil-kastig ta' tkasbir.

لَقَدْ كَانَ لِسَبَإٍ فِي مَسْكَنِهِمْ ءَايَةٌ ۖ جَنَّتَانِ عَن يَمِينٍ وَشِمَالٍ ۖ
كُلُوا مِن رِّزْقِ رَبِّكُمْ وَاشْكُرُوا لَهُ ۚ بَلْدَةٌ طَيِّبَةٌ وَرَبٌّ غَفُورٌ
(15) فَأَعْرَضُوا فَأَرْسَلْنَا عَلَيْهِمْ سَيْلَ الْعَرِمِ وَبَدَّلْنَاهُم بِجَنَّتَيْهِمْ
جَنَّتَيْنِ ذَوَاتَيْ أُكُلٍ خَمْطٍ وَأَثْلٍ وَشَيْءٍ مِّن سِدْرٍ قَلِيلٍ
(16) ذَٰلِكَ جَزَيْنَاهُم بِمَا كَفَرُوا ۖ وَهَلْ نُجَازِي إِلَّا الْكَفُورَ (17)
وَجَعَلْنَا بَيْنَهُمْ وَبَيْنَ الْقُرَى الَّتِي بَارَكْنَا فِيهَا قُرًى ظَاهِرَةً
وَقَدَّرْنَا فِيهَا السَّيْرَ ۖ سِيرُوا فِيهَا لَيَالِيَ وَأَيَّامًا آمِنِينَ (18)
فَقَالُوا رَبَّنَا بَاعِدْ بَيْنَ أَسْفَارِنَا وَظَلَمُوا أَنفُسَهُمْ فَجَعَلْنَاهُمْ
أَحَادِيثَ وَمَزَّقْنَاهُمْ كُلَّ مُمَزَّقٍ ۚ إِنَّ فِي ذَٰلِكَ لَآيَاتٍ لِّكُلِّ صَبَّارٍ
شَكُورٍ (19) وَلَقَدْ صَدَّقَ عَلَيْهِمْ إِبْلِيسُ ظَنَّهُ فَاتَّبَعُوهُ إِلَّا
فَرِيقًا مِّنَ الْمُؤْمِنِينَ (20) وَمَا كَانَ لَهُ عَلَيْهِم مِّن سُلْطَانٍ
إِلَّا لِنَعْلَمَ مَن يُؤْمِنُ بِالْآخِرَةِ مِمَّنْ هُوَ مِنْهَا فِي شَكٍّ ۗ وَرَبُّكَ
عَلَىٰ كُلِّ شَيْءٍ حَفِيظٌ (21) قُلِ ادْعُوا الَّذِينَ زَعَمْتُم مِّن دُونِ
اللَّهِ ۖ لَا يَمْلِكُونَ مِثْقَالَ ذَرَّةٍ فِي السَّمَاوَاتِ وَلَا فِي
الْأَرْضِ وَمَا لَهُمْ فِيهِمَا مِن شِرْكٍ وَمَا لَهُ مِنْهُم مِّن ظَهِيرٍ (22)

15. *(In-nies ta')* Saba tassew kellhom sinjal f'arthom: żewġ ġonna, *(wieħed)* fuq il-lemin u *(ieħor)* fuq ix-xellug. "Kulu mill-ġid ta' Sidkom *(il-Mulej)* u roddulu ħajr. *(Għandkom)* belt tajba, u Sid Kollu Maħfra!"
16. Iżda huma ma tawx kas *(u ma tawx ħajr)*, u għalhekk bgħatna għal fuqhom l-ilmijiet tad-diga *(il-kbira)* u biddilnielhom iż-żewġ ġonna tagħhom *(li kellhom siġar ta' l-aqwa frott)* bi tnejn oħra *(b'siġar)* li jagħmlu frott morr, bruka u xi ftit siġar tax-xewk.[63]
17. Dak *(il-ħlas)* ħallasniehom talli m'emmnux. Jaqaw se nikkastigaw *(lil xi ħadd)* ħlief lil dak li jiċħad it-twemmin?
18. Bejnhom u bejn il-bliet li berikna qegħedna bliet oħra *(qrib xulxin)* li jidhru sew, u għamilniehom imbegħdin bil-qjies, għal min isiefer *(u għedna)*: "Terrqu fihom billejl u binhar, imħarsin!"
19. Qalu: "Sidna *(il-Mulej)*, agħmel li s-safriet tagħna jkunu aktar fit-tul." Huma naqsu lejhom infushom u għalhekk għamilniehom stejjer *(biex ħaddieħor jitkellem dwarhom u jieħu tagħlima minnhom)* u xerridniehom għal kollox. Tassew li f'dan hawn sinjali għal kulmin jistabar, li jagħti ħajr.
20. Sewwa ħaseb ix-Xitan fuqhom, u huma mxew warajh, ħlief għal ġemgħa ta' nies li jemmnu.
21. Ma kellux setgħa fuqhom ħlief biex inkunu nafu lil dak *(fosthom)* li jemmen fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)* minn dak li jinsab fid-dubju dwarha. Sidek *(il-Mulej)* iħares lil kollox *(u lil kulħadd mill-ħsara)*.
22. Għid*(ilhom Muħammad lill-pagani)*: "Sejħu lil dawk *(l-allat)* li tgħidu li huma minflok Alla. Huma ma għandhomx it-toqol ta' atomu *(wieħed biss, la)* fis-smewwiet u lanqas fl-art, u ma għandhom ebda sehem fihom it-tnejn, u *(Alla)* ma għandu *(bżonn)* lil ħadd minnhom biex jgħinu."

---

[63] Il-bruka: siġra li tikber ħdejn il-baħar. Tissejjaħ ukoll *tamarisk*.

وَلَا تَنفَعُ الشَّفَاعَةُ عِندَهُۥٓ إِلَّا لِمَنْ أَذِنَ لَهُۥ ۚ حَتَّىٰٓ إِذَا فُزِّعَ عَن
قُلُوبِهِمْ قَالُوا۟ مَاذَا قَالَ رَبُّكُمْ ۖ قَالُوا۟ ٱلْحَقَّ ۖ وَهُوَ ٱلْعَلِىُّ ٱلْكَبِيرُ
(23) ۞ قُلْ مَن يَرْزُقُكُم مِّنَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ قُلِ ٱللَّهُ ۙ
وَإِنَّآ أَوْ إِيَّاكُمْ لَعَلَىٰ هُدًى أَوْ فِى ضَلَٰلٍ مُّبِينٍ (24) قُل
لَّا تُسْـَٔلُونَ عَمَّآ أَجْرَمْنَا وَلَا نُسْـَٔلُ عَمَّا تَعْمَلُونَ (25) قُلْ
يَجْمَعُ بَيْنَنَا رَبُّنَا ثُمَّ يَفْتَحُ بَيْنَنَا بِٱلْحَقِّ وَهُوَ ٱلْفَتَّاحُ ٱلْعَلِيمُ
(26) قُلْ أَرُونِىَ ٱلَّذِينَ أَلْحَقْتُم بِهِۦ شُرَكَآءَ كَلَّا ۚ بَلْ هُوَ ٱللَّهُ
ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ (27) وَمَآ أَرْسَلْنَٰكَ إِلَّا كَآفَّةً لِّلنَّاسِ
بَشِيرًا وَنَذِيرًا وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ ٱلنَّاسِ لَا يَعْلَمُونَ (28)
وَيَقُولُونَ مَتَىٰ هَٰذَا ٱلْوَعْدُ إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ (29)
قُل لَّكُم مِّيعَادُ يَوْمٍ لَّا تَسْتَـْٔخِرُونَ عَنْهُ سَاعَةً وَلَا تَسْتَقْدِمُونَ
(30) وَقَالَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لَن نُّؤْمِنَ بِهَٰذَا ٱلْقُرْءَانِ وَلَا
بِٱلَّذِى بَيْنَ يَدَيْهِ ۗ وَلَوْ تَرَىٰٓ إِذِ ٱلظَّٰلِمُونَ مَوْقُوفُونَ عِندَ
رَبِّهِمْ يَرْجِعُ بَعْضُهُمْ إِلَىٰ بَعْضٍ ٱلْقَوْلَ يَقُولُ ٱلَّذِينَ
ٱسْتُضْعِفُوا۟ لِلَّذِينَ ٱسْتَكْبَرُوا۟ لَوْلَآ أَنتُمْ لَكُنَّا مُؤْمِنِينَ (31)

الحزب 44

23. Ma tiswa xejn l-interċessjoni miegħu, ħlief lil min *(Alla)* iħallih *(li jagħmel dan)*. U meta l-biża' jħalli qlubhom *(dawk li jinterċedu f'Jum il-Ġudizzju)* jgħidu *(lil xulxin)*: "X'qal Sidkom?" Huma jgħidu: "Is-sewwa! Huwa l-Għoli, il-Kbir."

24. Għid*(ilhom ukoll Muħammad)*: "Min jagħtikom l-għajxien mis-smewwiet u l-art?" Għid: "Alla! U tabilħaqq li, jew aħna jew intom, ninsabu fit-triq it-tajba, jew f'telfien mill-aktar ċar."

25. Għid*(ilhom)*: "Ma tkunux mistoqsijin dwar xi ħażen li għamilna, u ma nkunux mistoqsijin dwar dak li tagħmlu."

26. Għid*(ilhom lill-pagani)*: "Sidna *(il-Mulej)* jiġmagħna *(ilkoll flimkien)* imbagħad jagħmel ħaqq minna fis-sewwa. Huwa l-Imħallef *(ġust)* li jaf kollox."

27. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Uruni lil dawk *(l-allat l-oħra)* li laqqajtu miegħu bħala ixirka *(tiegħu)*. Le *(dan ma tistgħux tagħmluh)*! Huwa Alla l-Felħan, l-Għaref."

28. Aħna ma bgħatniekx *(Muħammad)* jekk mhux għall-bnedmin kollha, bħala xandar tal-bxara t-tajba u wieħed li jwissi, iżda ħafna min-nies ma jafux *(dwar dan)*.

29. Huma jgħidu: "Meta *(sseħħ)* din il-wegħda, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa?"

30. Għid*(ilhom)*: "Għandkom Jum imwiegħed li la titfgħuh lura u lanqas iġġibuh 'il quddiem b'siegħa."

31. Dawk li jiċħdu t-twemmin jgħidu: "M'aħniex se nemmnu f'dan il-*Qoran*, u lanqas f'dak *(li niżel fiż-żminijiet)* ta' qablu!" Li kieku tara l-ħżiena meta jkunu mġegħlin jieqfu quddiem Sidhom, kif iwaħħlu f'xulxin! Dawk *(fosthom)* li kienu maħqurin jgħidu lil dawk li tkabbru: "Li kieku mhux minħabba fikom, konna nkunu minn dawk li jemmnu!"

قَالَ الَّذِينَ اسْتَكْبَرُوا لِلَّذِينَ اسْتُضْعِفُوا أَنَحْنُ صَدَدْنَاكُمْ
عَنِ الْهُدَىٰ بَعْدَ إِذْ جَاءَكُمْ بَلْ كُنتُم مُّجْرِمِينَ ﴿32﴾ وَقَالَ الَّذِينَ
اسْتُضْعِفُوا لِلَّذِينَ اسْتَكْبَرُوا بَلْ مَكْرُ اللَّيْلِ وَالنَّهَارِ إِذْ
تَأْمُرُونَنَا أَن نَّكْفُرَ بِاللَّهِ وَنَجْعَلَ لَهُ أَندَادًا ۚ وَأَسَرُّوا النَّدَامَةَ
لَمَّا رَأَوُا الْعَذَابَ ۚ وَجَعَلْنَا الْأَغْلَالَ فِي أَعْنَاقِ الَّذِينَ كَفَرُوا ۚ
هَلْ يُجْزَوْنَ إِلَّا مَا كَانُوا يَعْمَلُونَ ﴿33﴾ وَمَا أَرْسَلْنَا فِي قَرْيَةٍ
مِّن نَّذِيرٍ إِلَّا قَالَ مُتْرَفُوهَا إِنَّا بِمَا أُرْسِلْتُم بِهِ كَافِرُونَ ﴿34﴾
وَقَالُوا نَحْنُ أَكْثَرُ أَمْوَالًا وَأَوْلَادًا وَمَا نَحْنُ بِمُعَذَّبِينَ ﴿35﴾
قُلْ إِنَّ رَبِّي يَبْسُطُ الرِّزْقَ لِمَن يَشَاءُ وَيَقْدِرُ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ النَّاسِ
لَا يَعْلَمُونَ ﴿36﴾ وَمَا أَمْوَالُكُمْ وَلَا أَوْلَادُكُم بِالَّتِي تُقَرِّبُكُمْ عِندَنَا
زُلْفَىٰ إِلَّا مَنْ آمَنَ وَعَمِلَ صَالِحًا فَأُولَٰئِكَ لَهُمْ جَزَاءُ الضِّعْفِ
بِمَا عَمِلُوا وَهُمْ فِي الْغُرُفَاتِ آمِنُونَ ﴿37﴾ وَالَّذِينَ يَسْعَوْنَ فِي
آيَاتِنَا مُعَاجِزِينَ أُولَٰئِكَ فِي الْعَذَابِ مُحْضَرُونَ ﴿38﴾ قُلْ
إِنَّ رَبِّي يَبْسُطُ الرِّزْقَ لِمَن يَشَاءُ مِنْ عِبَادِهِ وَيَقْدِرُ لَهُ ۚ وَمَا
أَنفَقْتُم مِّن شَيْءٍ فَهُوَ يُخْلِفُهُ ۖ وَهُوَ خَيْرُ الرَّازِقِينَ ﴿39﴾

32. Dawk li tkabbru jgħidu lil dawk li kienu maħqurin: "Jaqaw aħna żammejniekom mit-tmexxija t-tajba wara li ġietkom? Le *(twaħħlux fina)*; kontu intom il-ħatjin!"

33. Dawk li kienu maħqurin jgħidu lil dawk li tkabbru: "Mhux hekk, iżda kien it-tnassis *(tagħkom)*, lejl u nhar, meta kontu tordnawlna niċħdu lil Alla u nxierku *(allat oħra)* miegħu." Huma żammu s-sogħba *(moħbija ġewwa fihom)* meta raw il-kastig, u Aħna qegħedna l-ktajjen madwar għenuq dawk li ċaħdu t-twemmin. Jaqaw se jitħallsu *(ta' xi ħaġa oħra)* għajr ta' dak li kienu jagħmlu?

34. Ma bgħatna *(qatt)* f'belt lil min iwissi li l-għonja tagħha ma qalux: "Aħna tabilħaqq niċħdu dak li kontu mibgħutin bih!"

35. Huma qalu: "Aħna għandna aktar ġid u wlied, u m'aħniex se nkunu kastigati."

36. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Tabilħaqq li Sidi jkattar il-ġid lil min irid, u jnaqqsu *(lil min jidhirlu)*, iżda l-kotra tan-nies ma jafux."

37. Ma humiex il-ġid tagħkom u lanqas uliedkom li jqarrbukom lejna. *(Ma jersqux lejna)* ħlief dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid. Dawk għandhom ħlas doppju ta' dak li għamlu, u jinsabu mħarsin *(minn kull ħsara)* fl-għamajjar *(tal-Ġenna)*.

38. Iżda dawk li jħabirku kontra s-sinjali tagħna, biex ifixkluhom, dawk jinġiebu fil-kastig.

39. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Sidi tabilħaqq ikattar il-ġid lil min irid mill-qaddejja tiegħu, u jnaqqsu *(lil min jidhirlu)*. Iżda kull ħaġa li tonfqu *(għall-kawża tiegħu)*, Huwa jroddha *(lura lilkom)*. Huwa l-Aħjar li jagħti l-ġid."

وَيَوْمَ يَحْشُرُهُمْ جَمِيعًا ثُمَّ يَقُولُ لِلْمَلَٰٓئِكَةِ أَهَٰٓؤُلَآءِ إِيَّاكُمْ كَانُوا۟
يَعْبُدُونَ ﴿40﴾ قَالُوا۟ سُبْحَٰنَكَ أَنتَ وَلِيُّنَا مِن دُونِهِم ۖ بَلْ كَانُوا۟
يَعْبُدُونَ ٱلْجِنَّ ۖ أَكْثَرُهُم بِهِم مُّؤْمِنُونَ ﴿41﴾ فَٱلْيَوْمَ لَا يَمْلِكُ
بَعْضُكُمْ لِبَعْضٍ نَّفْعًا وَلَا ضَرًّا وَنَقُولُ لِلَّذِينَ ظَلَمُوا۟ ذُوقُوا۟ عَذَابَ
ٱلنَّارِ ٱلَّتِى كُنتُم بِهَا تُكَذِّبُونَ ﴿42﴾ وَإِذَا تُتْلَىٰ عَلَيْهِمْ ءَايَٰتُنَا بَيِّنَٰتٍ
قَالُوا۟ مَا هَٰذَآ إِلَّا رَجُلٌ يُرِيدُ أَن يَصُدَّكُمْ عَمَّا كَانَ يَعْبُدُ ءَابَآؤُكُمْ
وَقَالُوا۟ مَا هَٰذَآ إِلَّآ إِفْكٌ مُّفْتَرًى ۚ وَقَالَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لِلْحَقِّ لَمَّا
جَآءَهُمْ إِنْ هَٰذَآ إِلَّا سِحْرٌ مُّبِينٌ ﴿43﴾ وَمَآ ءَاتَيْنَٰهُم مِّن كُتُبٍ
يَدْرُسُونَهَا ۖ وَمَآ أَرْسَلْنَآ إِلَيْهِمْ قَبْلَكَ مِن نَّذِيرٍ ﴿44﴾ وَكَذَّبَ
ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ وَمَا بَلَغُوا۟ مِعْشَارَ مَآ ءَاتَيْنَٰهُمْ فَكَذَّبُوا۟ رُسُلِى ۖ
فَكَيْفَ كَانَ نَكِيرِ ﴿45﴾ ۞ قُلْ إِنَّمَآ أَعِظُكُم بِوَٰحِدَةٍ ۖ أَن
تَقُومُوا۟ لِلَّهِ مَثْنَىٰ وَفُرَٰدَىٰ ثُمَّ تَتَفَكَّرُوا۟ ۚ مَا بِصَاحِبِكُم
مِّن جِنَّةٍ ۚ إِنْ هُوَ إِلَّا نَذِيرٌ لَّكُم بَيْنَ يَدَىْ عَذَابٍ شَدِيدٍ ﴿46﴾
قُلْ مَا سَأَلْتُكُم مِّنْ أَجْرٍ فَهُوَ لَكُمْ ۖ إِنْ أَجْرِىَ إِلَّا عَلَى ٱللَّهِ ۖ وَهُوَ عَلَىٰ
كُلِّ شَىْءٍ شَهِيدٌ ﴿47﴾ قُلْ إِنَّ رَبِّى يَقْذِفُ بِٱلْحَقِّ عَلَّٰمُ ٱلْغُيُوبِ ﴿48﴾

ربع الحزب 44

40. Fil-Jum li *(Alla)* jiġborhom ilkoll, Huwa jgħid lill-anġli: "Jaqaw dawn lilkom kienu jqimu?"
41. Jgħidu *(l-anġli)*: "Sebħ lilek! Inti li tħarisna, mhux huma. Le *(mhux lilna taw qima)*, iżda kienu jqimu lill-*ġinn*. Il-kotra tagħhom jemmnu fihom."
42. Illum ma tistgħu tkunu la ta' ġid u lanqas ta' deni għal xulxin. U ngħidu lil dawk li għamlu l-ħażen: "Duqu l-kastig tan-Nar li kontu tgiddbu!"
43. Meta jinqrawlhom il-versi ċari tagħna jgħidu: "Dan ma huwiex ħlief raġel li jrid iżommkom minn dak li kienu jqimu missirijietkom." U jgħidu *(ukoll)*: "Dan ma huwiex ħlief qerq maqlugħ minn żnied *(dan ir-raġel)*!" Dawk li jiċħdu s-sewwa meta jaslilhom, jgħidu: "Dan ma huwiex ħlief seħer biċ-ċar!"
44. Ma tajnihomx kotba biex jistudjawhom, u lanqas ma bgħatnielhom qablek *(Muħammad)* lil min iwissi*(hom)*.
45. Dawk ta' qabilhom giddbu *(is-sewwa)* u *(il-pagani)* ma laħqux wieħed minn għaxra minn dak li tajniehom *(lil ta' qabilhom)*. Huma giddbu l-Mibgħutin tiegħi. U kemm kienet kerha l-kundanna tiegħi *(lilhom)*!
46. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Inwissikom ħaġa waħda biss: li tqumu quddiem Alla, tnejn tnejn, kif ukoll waħidkom, imbagħad aħsbu sew! F'seħibkom *(Muħammad)* ma hemmx il-*ġinn (u huwa f'sensih)*. Ma huwiex għajr bniedem li jwissikom, quddiem kastig qalil *(li riesaq fuqkom)*."
47. Għid*(ilhom ukoll)*: "Dak il-ħlas li tlabtkom huwa għalikom! Jiena ħlasi minn Alla biss *(u lilkom ma nitlobkom xejn)*, u Huwa Xhud ta' kollox."
48. Għid *(Muħammad)*: "Tabilħaqq li Sidi *(il-Mulej)* jibgħat is-sewwa bil-qawwa. Huwa jaf il-ħwejjeġ mistura."

قُلْ جَآءَ ٱلْحَقُّ وَمَا يُبْدِئُ ٱلْبَـٰطِلُ وَمَا يُعِيدُ ﴿49﴾ قُلْ إِن ضَلَلْتُ
فَإِنَّمَآ أَضِلُّ عَلَىٰ نَفْسِى ۖ وَإِنِ ٱهْتَدَيْتُ فَبِمَا يُوحِىٓ إِلَىَّ رَبِّىٓ ۚ إِنَّهُۥ
سَمِيعٌ قَرِيبٌ ﴿50﴾ وَلَوْ تَرَىٰٓ إِذْ فَزِعُوا۟ فَلَا فَوْتَ وَأُخِذُوا۟ مِن
مَّكَانٍ قَرِيبٍ ﴿51﴾ وَقَالُوٓا۟ ءَامَنَّا بِهِۦ ۖ وَأَنَّىٰ لَهُمُ ٱلتَّنَاوُشُ مِن
مَّكَانٍۭ بَعِيدٍ ﴿52﴾ وَقَدْ كَفَرُوا۟ بِهِۦ مِن قَبْلُ ۖ وَيَقْذِفُونَ
بِٱلْغَيْبِ مِن مَّكَانٍۭ بَعِيدٍ ﴿53﴾ وَحِيلَ بَيْنَهُمْ وَبَيْنَ مَا يَشْتَهُونَ
كَمَا فُعِلَ بِأَشْيَاعِهِم مِّن قَبْلُ ۚ إِنَّهُمْ كَانُوا۟ فِى شَكٍّ مُّرِيبٍ ﴿54﴾

سُورَةُ فَاطِرٍ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَـٰنِ ٱلرَّحِيمِ

ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ فَاطِرِ ٱلسَّمَـٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ جَاعِلِ ٱلْمَلَـٰٓئِكَةِ رُسُلًا أُو۟لِىٓ
أَجْنِحَةٍ مَّثْنَىٰ وَثُلَـٰثَ وَرُبَـٰعَ ۚ يَزِيدُ فِى ٱلْخَلْقِ مَا يَشَآءُ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ عَلَىٰ كُلِّ
شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿1﴾ مَّا يَفْتَحِ ٱللَّهُ لِلنَّاسِ مِن رَّحْمَةٍ فَلَا مُمْسِكَ لَهَا ۖ
وَمَا يُمْسِكْ فَلَا مُرْسِلَ لَهُۥ مِنۢ بَعْدِهِۦ ۚ وَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ ﴿2﴾ يَـٰٓأَيُّهَا
ٱلنَّاسُ ٱذْكُرُوا۟ نِعْمَتَ ٱللَّهِ عَلَيْكُمْ ۚ هَلْ مِنْ خَـٰلِقٍ غَيْرُ ٱللَّهِ يَرْزُقُكُم
مِّنَ ٱلسَّمَآءِ وَٱلْأَرْضِ ۚ لَآ إِلَـٰهَ إِلَّا هُوَ ۖ فَأَنَّىٰ تُؤْفَكُونَ ﴿3﴾

49. Għid *(ukoll)*: "Is-sewwa ġie, filwaqt li l-qerq ma jibda xejn, u lanqas iġedded."
50. Għid: "Jekk nintilef, nintilef biss għalija nnifsi, u jekk inkun fit-triq it-tajba, dan ikun bis-saħħa ta' dak li jnebbaħni Sidi. Huwa tassew jisma' kollox, *(dejjem)* fil-qrib."
51. Kieku tara*(hom)* meta jkunu mbeżżgħin, u ma jkunx hemm minn fejn jaħarbu. Imbagħad jittieħdu minn post fil-qrib,
52. u jgħidu: "Emminna fih *(f'Muħammad u fil-Qoran)*!" Iżda kif jistgħu jilqgħuh *(it-twemmin)* minn post imbiegħed,
53. meta qabel kienu ċaħduh u kienu jħawdu bla għarfien minn post imbiegħed?
54. Ikun hemm x'jifred bejnhom u bejn dak li jixtiequ, kif sar qabel ma' min kien bħalhom. Huma tabilħaqq kienu f'dubju *(li ħalliehom)* bejn ħalltejn.

35. *Sūratu Fāṭir*

(Suret il-Ħallieq – Niżlet f'Mekka b'45 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. It-tifħir lil Alla, Ħallieq is-smewwiet u l-art, li għamel lill-anġli mibgħutin bil-ġwienaħ – tnejn, tlieta, u erba' *(ġwienaħ)*. Huwa jżid fil-ħolqien dak li jrid. Alla tabilħaqq fuq kollox Setgħan.
2. Il-ħniena li Alla juri lin-nies, ħadd ma jista' jwaqqafha, u dak li Huwa jwaqqaf, ħadd warajh ma jista' jibagħtu. Huwa l-Qawwi, l-Għaref.
3. Ja nies, ftakru fil-grazzja ta' Alla fuqkom. Jaqaw hemm xi ħallieq *(ieħor)* għajr Alla, li jagħtikom l-għajxien mis-sema u mill-art? Ma hemmx alla ħliefu! Mela kif titqarrqu?

وَإِن يُكَذِّبُوكَ فَقَدْ كُذِّبَتْ رُسُلٌ مِّن قَبْلِكَ ۚ وَإِلَى اللَّهِ تُرْجَعُ الْأُمُورُ
(4) يَا أَيُّهَا النَّاسُ إِنَّ وَعْدَ اللَّهِ حَقٌّ ۖ فَلَا تَغُرَّنَّكُمُ الْحَيَاةُ الدُّنْيَا ۖ
وَلَا يَغُرَّنَّكُم بِاللَّهِ الْغَرُورُ (5) إِنَّ الشَّيْطَانَ لَكُمْ عَدُوٌّ فَاتَّخِذُوهُ
عَدُوًّا ۚ إِنَّمَا يَدْعُو حِزْبَهُ لِيَكُونُوا مِنْ أَصْحَابِ السَّعِيرِ (6) الَّذِينَ
كَفَرُوا لَهُمْ عَذَابٌ شَدِيدٌ ۖ وَالَّذِينَ آمَنُوا وَعَمِلُوا الصَّالِحَاتِ لَهُم
مَّغْفِرَةٌ وَأَجْرٌ كَبِيرٌ (7) أَفَمَن زُيِّنَ لَهُ سُوءُ عَمَلِهِ فَرَآهُ حَسَنًا ۖ
فَإِنَّ اللَّهَ يُضِلُّ مَن يَشَاءُ وَيَهْدِي مَن يَشَاءُ ۖ فَلَا تَذْهَبْ نَفْسُكَ
عَلَيْهِمْ حَسَرَاتٍ ۚ إِنَّ اللَّهَ عَلِيمٌ بِمَا يَصْنَعُونَ (8) وَاللَّهُ الَّذِي أَرْسَلَ
الرِّيَاحَ فَتُثِيرُ سَحَابًا فَسُقْنَاهُ إِلَىٰ بَلَدٍ مَّيِّتٍ فَأَحْيَيْنَا بِهِ الْأَرْضَ بَعْدَ
مَوْتِهَا ۚ كَذَٰلِكَ النُّشُورُ (9) مَن كَانَ يُرِيدُ الْعِزَّةَ فَلِلَّهِ الْعِزَّةُ جَمِيعًا ۚ
إِلَيْهِ يَصْعَدُ الْكَلِمُ الطَّيِّبُ وَالْعَمَلُ الصَّالِحُ يَرْفَعُهُ ۚ وَالَّذِينَ
يَمْكُرُونَ السَّيِّئَاتِ لَهُمْ عَذَابٌ شَدِيدٌ ۖ وَمَكْرُ أُولَٰئِكَ هُوَ يَبُورُ
(10) وَاللَّهُ خَلَقَكُم مِّن تُرَابٍ ثُمَّ مِن نُّطْفَةٍ ثُمَّ جَعَلَكُمْ أَزْوَاجًا ۚ
وَمَا تَحْمِلُ مِنْ أُنثَىٰ وَلَا تَضَعُ إِلَّا بِعِلْمِهِ ۚ وَمَا يُعَمَّرُ مِن مُّعَمَّرٍ
وَلَا يُنقَصُ مِنْ عُمُرِهِ إِلَّا فِي كِتَابٍ ۚ إِنَّ ذَٰلِكَ عَلَى اللَّهِ يَسِيرٌ (11)

4. Jekk *(issa, Muħammad, il-pagani)* igiddbuk, *(ftakar li)* tassew tgiddbu Mibgħutin *(oħra)* qablek. Lejn Alla għad jerġa' lura kollox.
5. Ja nies, il-wegħda ta' Alla hija tabilħaqq minnha. Mela araw li l-ħajja *(f'din)* id-dinja ma tqarraqx bikom, u li ma jqarraqx bikom dwar Alla *(ix-Xitan)* il-qarrieq.
6. Ix-Xitan huwa tabilħaqq l-għadu tagħkom. Mela żommuh b'għadu *(tagħkom)*. Huwa jsejjaħ biss lil dawk li jżommu miegħu biex ikunu minn nies in-Nar iħeġġeġ.
7. Dawk li jiċħdu t-twemmin għandhom kastig qalil, iżda dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid għandhom maħfra u ħlas kbir.
8. Jaqaw dak *(il-midneb)* li jiżżejjinlu l-ħażen ta' għemilu, hekk li jarah sabiħ u tajjeb *(huwa daqs min jinsab fit-triq it-tajba)*? Alla tabilħaqq itellef it-triq lil min irid, u juri t-triq lil min irid. Għalhekk toqgħodx tinfena għaliex titħassarhom. Tabilħaqq li Alla jaf sew b'dak li jagħmlu.
9. Alla huwa li jibgħat l-irjieħ, u *(dawn)* iqanqlu s-sħab, u mmexxuh lejn belt mejta, u bih nagħtu ħajja lill-art wara mewtha *(bin-nixfa)*. Hekk ukoll il-Qawmien mill-imwiet.
10. Min irid il-qawwa, ta' Alla hija l-qawwa kollha. Lejh jitla' l-kliem tajjeb, u jerfa' *(lejh)* l-għemil tajjeb. Iżda dawk li jnassu l-għemejjel il-ħżiena għandhom kastig qalil. It-tnassis ta' dawk jiġi fix-xejn.
11. Alla ħalaqkom minn trab, imbagħad minn nitfa *(ta' sperma)*, u mbagħad għamilkom f'żewġ *(għamliet: raġel u mara)*. Ebda mara ma titqal u lanqas twelled għajr bl-għarfien tiegħu. Lanqas ma jgħix il-bniedem fit-tul, jew jitnaqqaslu għomru, jekk mhux *(imniżżel)* fi ktieb. Tabilħaqq li dan, għal Alla, huwa ħafif.

وَمَا يَسْتَوِي الْبَحْرَانِ هَٰذَا عَذْبٌ فُرَاتٌ سَآئِغٌ شَرَابُهُۥ وَهَٰذَا
مِلْحٌ أُجَاجٌ ۖ وَمِن كُلٍّ تَأْكُلُونَ لَحْمًا طَرِيًّا وَتَسْتَخْرِجُونَ
حِلْيَةً تَلْبَسُونَهَا ۖ وَتَرَى الْفُلْكَ فِيهِ مَوَاخِرَ لِتَبْتَغُوا مِن فَضْلِهِۦ
وَلَعَلَّكُمْ تَشْكُرُونَ ﴿12﴾ يُولِجُ الَّيْلَ فِي النَّهَارِ وَيُولِجُ
النَّهَارَ فِي الَّيْلِ وَسَخَّرَ الشَّمْسَ وَالْقَمَرَ كُلٌّ يَجْرِي
لِأَجَلٍ مُّسَمًّى ۚ ذَٰلِكُمُ اللَّهُ رَبُّكُمْ لَهُ الْمُلْكُ ۚ وَالَّذِينَ
تَدْعُونَ مِن دُونِهِۦ مَا يَمْلِكُونَ مِن قِطْمِيرٍ ﴿13﴾ إِن
تَدْعُوهُمْ لَا يَسْمَعُوا دُعَآءَكُمْ وَلَوْ سَمِعُوا مَا اسْتَجَابُوا لَكُمْ ۖ
وَيَوْمَ الْقِيَٰمَةِ يَكْفُرُونَ بِشِرْكِكُمْ ۚ وَلَا يُنَبِّئُكَ مِثْلُ خَبِيرٍ
﴿14﴾ ۞ يَٰٓأَيُّهَا النَّاسُ أَنتُمُ الْفُقَرَآءُ إِلَى اللَّهِ ۖ وَاللَّهُ هُوَ الْغَنِيُّ
الْحَمِيدُ ﴿15﴾ إِن يَشَأْ يُذْهِبْكُمْ وَيَأْتِ بِخَلْقٍ جَدِيدٍ ﴿16﴾
وَمَا ذَٰلِكَ عَلَى اللَّهِ بِعَزِيزٍ ﴿17﴾ وَلَا تَزِرُ وَازِرَةٌ وِزْرَ أُخْرَىٰ ۚ وَإِن
تَدْعُ مُثْقَلَةٌ إِلَىٰ حِمْلِهَا لَا يُحْمَلْ مِنْهُ شَيْءٌ وَلَوْ كَانَ ذَا قُرْبَىٰ ۗ
إِنَّمَا تُنذِرُ الَّذِينَ يَخْشَوْنَ رَبَّهُم بِالْغَيْبِ وَأَقَامُوا الصَّلَوٰةَ ۚ
وَمَن تَزَكَّىٰ فَإِنَّمَا يَتَزَكَّىٰ لِنَفْسِهِۦ ۚ وَإِلَى اللَّهِ الْمَصِيرُ ﴿18﴾

نصف الحزب 44

12. Iż-żewġt ibħra ma humiex l-istess: dan ħelu manna, u tieħu r-ruħ meta tixorbu, u dan mielaħ u morr. *(Madanakollu)* mit-tnejn li huma tieklu laħam tari, u toħorġu *(minnhom)* ġojjelli li tilbsuhom. U tara fih *(fil-baħar)* l-imriekeb joforqu l-mewġ, biex *(bihom)* tfittxu t-tjieba tiegħu, u biex forsi tiżżu ħajr.
13. Huwa li jdaħħal il-lejl fin-nhar, u jdaħħal in-nhar fil-lejl, u qiegħed ix-xemx u l-qamar taħt is-setgħa *(tal-liġi tiegħu)*, kull wieħed minnhom idur *(fid-dawra tiegħu)* għal żmien imsemmi. Dak huwa Alla Sidkom; tiegħu s-Saltna! U dawk *(l-allat l-oħra)* li intom issejħu minfloku ma jaħkmu lanqas fuq qoxra ta' għadma ta' tamra.
14. Jekk issejħulhom, huma ma jisimgħux is-sejħa tagħkom, u anki kieku jisimgħukom, ma jkunux jistgħu jweġbukom. F'Jum il-Qawmien huma jiċħdu x-xirka tagħkom *(magħhom)*. Ħadd ma jħabbarlek *(Muħammad)* bħal Dak li jaf sew!
15. Ja nies, intom il-foqra *(li teħtieġu)* lil Alla, filwaqt li Alla huwa l-Għani li jistħoqq kull tifħir.
16. Jekk irid, jeqridkom u jġib ħolqien ġdid.
17. Dan għal Alla mhux tqil.
18. Dik *(ir-ruħ)* li terfa' t-toqol *(tad-dnub tagħha)* ma terfax it-toqol ta' ruħ oħra. Jekk ruħ imtaqqla *(bid-dnub)* issejjaħ *(biex xi ħadd jerfa')* it-toqol tagħha, xejn ma jintrefa' minnu, lanqas jekk *(lil min issejjaħ)* ikun qarib *(tagħha)*. Int *(Muħammad)* twissi biss lil dawk li jibżgħu minn Sidhom bil-moħbi u jagħmlu t-talb. Min jissaffa, jissaffa biss għalih innifsu. Lejn Alla t-tmiem *(tal-bniedem)*.

وَمَا يَسْتَوِي الْأَعْمَىٰ وَالْبَصِيرُ ﴿19﴾ وَلَا الظُّلُمَاتُ وَلَا النُّورُ
﴿20﴾ وَلَا الظِّلُّ وَلَا الْحَرُورُ ﴿21﴾ وَمَا يَسْتَوِي الْأَحْيَاءُ وَلَا الْأَمْوَاتُ ۚ
إِنَّ اللَّهَ يُسْمِعُ مَن يَشَاءُ ۖ وَمَا أَنتَ بِمُسْمِعٍ مَّن فِي الْقُبُورِ ﴿22﴾ إِنْ
أَنتَ إِلَّا نَذِيرٌ ﴿23﴾ إِنَّا أَرْسَلْنَاكَ بِالْحَقِّ بَشِيرًا وَنَذِيرًا ۚ وَإِن مِّنْ
أُمَّةٍ إِلَّا خَلَا فِيهَا نَذِيرٌ ﴿24﴾ وَإِن يُكَذِّبُوكَ فَقَدْ كَذَّبَ الَّذِينَ
مِن قَبْلِهِمْ جَاءَتْهُمْ رُسُلُهُم بِالْبَيِّنَاتِ وَبِالزُّبُرِ وَبِالْكِتَابِ
الْمُنِيرِ ﴿25﴾ ثُمَّ أَخَذْتُ الَّذِينَ كَفَرُوا ۖ فَكَيْفَ كَانَ نَكِيرِ ﴿26﴾
أَلَمْ تَرَ أَنَّ اللَّهَ أَنزَلَ مِنَ السَّمَاءِ مَاءً فَأَخْرَجْنَا بِهِ ثَمَرَاتٍ مُّخْتَلِفًا
أَلْوَانُهَا ۚ وَمِنَ الْجِبَالِ جُدَدٌ بِيضٌ وَحُمْرٌ مُّخْتَلِفٌ أَلْوَانُهَا
وَغَرَابِيبُ سُودٌ ﴿27﴾ وَمِنَ النَّاسِ وَالدَّوَابِّ وَالْأَنْعَامِ
مُخْتَلِفٌ أَلْوَانُهُ كَذَٰلِكَ ۗ إِنَّمَا يَخْشَى اللَّهَ مِنْ عِبَادِهِ الْعُلَمَاءُ ۗ
إِنَّ اللَّهَ عَزِيزٌ غَفُورٌ ﴿28﴾ إِنَّ الَّذِينَ يَتْلُونَ كِتَابَ اللَّهِ
وَأَقَامُوا الصَّلَاةَ وَأَنفَقُوا مِمَّا رَزَقْنَاهُمْ سِرًّا وَعَلَانِيَةً
يَرْجُونَ تِجَارَةً لَّن تَبُورَ ﴿29﴾ لِيُوَفِّيَهُمْ أُجُورَهُمْ
وَيَزِيدَهُم مِّن فَضْلِهِ ۚ إِنَّهُ غَفُورٌ شَكُورٌ ﴿30﴾

19. L-aghma u min jara ma humiex bħal xulxin,
20. lanqas id-dlamijiet u d-dawl,
21. lanqas id-dell u s-sħana tax-xemx.
22. Il-ħajjin u l-mejtin ma humiex bħal xulxin. Tabilħaqq li Alla jsemma' lil min irid, iżda inti *(Muħammad)* ma ssemmax lil min huwa fl-oqbra.
23. Inti biss wieħed li jwissi.
24. Aħna bgħatniek bis-sewwa, biex tagħti l-bxara t-tajba u twissi. Ma kienx hemm nazzjon li ma ġiex fih min iwissi.
25. U jekk *(issa)* qegħdin igiddbuk *(kun af Muħammad li huma)* tassew giddbu *(ukoll)* lil dawk ta' qabilhom. Il-Mibgħutin tagħhom ġewhom bis-sinjali ċ-ċari, bil-Kotba mqaddsa, u bil-Ktieb li jagħti d-dawl *(it-Torā)*.
26. Imbagħad qbadt lil dawk li m'emmnux. Kemm kienet *(tal-biża')* il-kundanna tiegħi *(kontrihom)*!
27. Mela ma tarax li Alla jniżżel ilma mis-sema, u bih noħorġu frott ta' bosta lwien. U fl-iġbla hemm mogħdijiet bojod u ħomor, ta' bosta lwien, u oħrajn suwed.
28. *(U Alla ħalaq ġens)* in-nies, il-bhejjem, u l-frat, ta' bosta lwien ukoll. Dawk biss li jibżgħu minn Alla, fost il-qaddejja tiegħu, huma l-għorrief. Alla tabilħaqq Qawwi u Kollu Maħfra.
29. Tabilħaqq li dawk li jaqraw il-Ktieb ta' Alla, jagħmlu t-talb, u jonfqu *(fil-karità)* minn dak *(il-ġid)* li tajniehom, bil-moħbi u bil-miftuħ, jittamaw f'negozju li ma jmurx ħażin,
30. biex *(Alla)* jagħtihom il-ħlasijiet tagħhom *(kollha)* u jżidhom mit-tjieba tiegħu *(bla tarf)*. Huwa tabilħaqq Kollu Maħfra u jiżżi ħajr.

وَالَّذِيٓ أَوۡحَيۡنَآ إِلَيۡكَ مِنَ ٱلۡكِتَٰبِ هُوَ ٱلۡحَقُّ مُصَدِّقٗا لِّمَا بَيۡنَ
يَدَيۡهِۗ إِنَّ ٱللَّهَ بِعِبَادِهِۦ لَخَبِيرُۢ بَصِيرٞ ﴿31﴾ ثُمَّ أَوۡرَثۡنَا ٱلۡكِتَٰبَ
ٱلَّذِينَ ٱصۡطَفَيۡنَا مِنۡ عِبَادِنَاۖ فَمِنۡهُمۡ ظَالِمٞ لِّنَفۡسِهِۦ وَمِنۡهُم
مُّقۡتَصِدٞ وَمِنۡهُمۡ سَابِقُۢ بِٱلۡخَيۡرَٰتِ بِإِذۡنِ ٱللَّهِۚ ذَٰلِكَ هُوَ
ٱلۡفَضۡلُ ٱلۡكَبِيرُ ﴿32﴾ جَنَّٰتُ عَدۡنٖ يَدۡخُلُونَهَا يُحَلَّوۡنَ
فِيهَا مِنۡ أَسَاوِرَ مِن ذَهَبٖ وَلُؤۡلُؤٗاۖ وَلِبَاسُهُمۡ فِيهَا حَرِيرٞ ﴿33﴾
وَقَالُواْ ٱلۡحَمۡدُ لِلَّهِ ٱلَّذِيٓ أَذۡهَبَ عَنَّا ٱلۡحَزَنَۖ إِنَّ رَبَّنَا لَغَفُورٞ
شَكُورٌ ﴿34﴾ ٱلَّذِيٓ أَحَلَّنَا دَارَ ٱلۡمُقَامَةِ مِن فَضۡلِهِۦ لَا يَمَسُّنَا
فِيهَا نَصَبٞ وَلَا يَمَسُّنَا فِيهَا لُغُوبٞ ﴿35﴾ وَٱلَّذِينَ كَفَرُواْ لَهُمۡ
نَارُ جَهَنَّمَ لَا يُقۡضَىٰ عَلَيۡهِمۡ فَيَمُوتُواْ وَلَا يُخَفَّفُ عَنۡهُم مِّنۡ
عَذَابِهَاۚ كَذَٰلِكَ نَجۡزِي كُلَّ كَفُورٖ ﴿36﴾ وَهُمۡ يَصۡطَرِخُونَ
فِيهَا رَبَّنَآ أَخۡرِجۡنَا نَعۡمَلۡ صَٰلِحًا غَيۡرَ ٱلَّذِي كُنَّا نَعۡمَلُۚ
أَوَلَمۡ نُعَمِّرۡكُمۡ مَّا يَتَذَكَّرُ فِيهِ مَن تَذَكَّرَ وَجَآءَكُمُ ٱلنَّذِيرُۖ
فَذُوقُواْ فَمَا لِلظَّٰلِمِينَ مِن نَّصِيرٍ ﴿37﴾ إِنَّ ٱللَّهَ عَٰلِمُ
غَيۡبِ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلۡأَرۡضِۚ إِنَّهُۥ عَلِيمُۢ بِذَاتِ ٱلصُّدُورِ ﴿38﴾

31. Dak li nebbaħnielek mill-Ktieb huwa s-sewwa li jseddaq dak li *(tnebbaħ)* qablu. Tabilħaqq li Alla jaf sew il-qaddejja tiegħu, u jara *(kulma jagħmlu)*.
32. Imbagħad tajna l-Ktieb b'wirt lil min għażilna mill-qaddejja tagħna. Uħud minnhom jonqsu lejhom infushom, oħrajn jinsabu fit-triq tan-nofs, u oħrajn huma minn ta' quddiem fl-għemejjel ta' ġid, bir-rieda ta' Alla. Dik hija t-tjieba l-kbira!
33. Huma jidħlu fil-Ġonna ta' l-Għeden u jiżżejnu bi brazzuletti tad-deheb u bil-perli. Ilbieshom fihom *(dawk il-Ġonna)* ikun tal-ħarir.
34. Huma jgħidu: "It-tifħir lil Alla li warrab minna n-niket! Sidna tabilħaqq Kollu Maħfra u jiżżi ħajr!"
35. Huwa Dak li, fit-tjieba tiegħu, qegħedna fid-Dar ta' dejjem; fiha ma tiġina ebda għeja u lanqas telqa.
36. Ta' dawk li ma jemmnux huwa nar l-Infern: ma jinqerdux u *(lanqas)* imutu *(fih u t-tbatija tagħhom ma tintemmx)*, u l-kastig tiegħu *(ta' nar l-Infern)* ma jitħaffilhomx. Hekk inħallsu lil kull ingrat.
37. Huma jwerżqu fih *(u jgħidu)*: "Sidna, oħroġna *(minn hawn)*. Se nagħmlu l-ġid, mhux dak li konna nagħmlu *(qabel)*!" Mela ma tajnikomx għomor biżżejjed biex fih, min irid jiftakar *(fit-twissija tagħna)*, jiftakar*(ha u jindem)*? Ġiekom dak li jwissi *(u bqajtu fil-ħażen. Mela issa)* duqu *(il-kastig fl-Infern)*! Il-ħżiena ma għandhomx min jaqbeż għalihom.
38. Alla tabilħaqq jaf il-mistur tas-smewwiet u l-art. Tabilħaqq li Huwa jaf x'hemm fil-qlub.

هُوَ ٱلَّذِى جَعَلَكُمْ خَلَٰٓئِفَ فِى ٱلْأَرْضِ ۚ فَمَن كَفَرَ فَعَلَيْهِ كُفْرُهُۥ ۖ وَلَا
يَزِيدُ ٱلْكَٰفِرِينَ كُفْرُهُمْ عِندَ رَبِّهِمْ إِلَّا مَقْتًا ۖ وَلَا يَزِيدُ ٱلْكَٰفِرِينَ
كُفْرُهُمْ إِلَّا خَسَارًا ﴿39﴾ قُلْ أَرَءَيْتُمْ شُرَكَآءَكُمُ ٱلَّذِينَ تَدْعُونَ مِن
دُونِ ٱللَّهِ ۖ أَرُونِى مَاذَا خَلَقُوا۟ مِنَ ٱلْأَرْضِ أَمْ لَهُمْ شِرْكٌ فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ
أَمْ ءَاتَيْنَٰهُمْ كِتَٰبًا فَهُمْ عَلَىٰ بَيِّنَتٍ مِّنْهُ ۚ بَلْ إِن يَعِدُ ٱلظَّٰلِمُونَ
بَعْضُهُم بَعْضًا إِلَّا غُرُورًا ﴿40﴾ ۞ إِنَّ ٱللَّهَ يُمْسِكُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضَ أَن تَزُولَا ۚ وَلَئِن زَالَتَآ إِنْ أَمْسَكَهُمَا مِنْ أَحَدٍ مِّنۢ بَعْدِهِۦٓ ۚ
إِنَّهُۥ كَانَ حَلِيمًا غَفُورًا ﴿41﴾ وَأَقْسَمُوا۟ بِٱللَّهِ جَهْدَ أَيْمَٰنِهِمْ لَئِن
جَآءَهُمْ نَذِيرٌ لَّيَكُونُنَّ أَهْدَىٰ مِنْ إِحْدَى ٱلْأُمَمِ ۖ فَلَمَّا جَآءَهُمْ نَذِيرٌ
مَّا زَادَهُمْ إِلَّا نُفُورًا ﴿42﴾ ٱسْتِكْبَارًا فِى ٱلْأَرْضِ وَمَكْرَ ٱلسَّيِّئِ ۚ
وَلَا يَحِيقُ ٱلْمَكْرُ ٱلسَّيِّئُ إِلَّا بِأَهْلِهِۦ ۚ فَهَلْ يَنظُرُونَ إِلَّا سُنَّتَ
ٱلْأَوَّلِينَ ۚ فَلَن تَجِدَ لِسُنَّتِ ٱللَّهِ تَبْدِيلًا ۖ وَلَن تَجِدَ لِسُنَّتِ ٱللَّهِ تَحْوِيلًا
﴿43﴾ أَوَلَمْ يَسِيرُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ فَيَنظُرُوا۟ كَيْفَ كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلَّذِينَ مِن
قَبْلِهِمْ وَكَانُوٓا۟ أَشَدَّ مِنْهُمْ قُوَّةً ۚ وَمَا كَانَ ٱللَّهُ لِيُعْجِزَهُۥ مِن شَىْءٍ
فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَلَا فِى ٱلْأَرْضِ ۚ إِنَّهُۥ كَانَ عَلِيمًا قَدِيرًا ﴿44﴾

ثلاثة أرباع الحزب 44

39. Huwa li għamilkom werrieta fl-art. Dak li ċaħad *(lil Alla, ikollu jġorr)* fuqu ċ-ċaħda tiegħu. Iċ-ċaħda tat-twemmin ta' dawk bla twemmin ma tagħmilx ħlief iżżid lil Sidhom fil-mibegħda lejhom, u ċ-ċaħda tat-twemmin ta' dawk bla twemmin ma tagħmilx ħlief iżżidhom fit-telfien.

40. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Mela ma rajtux l-ixirka tagħkom li intom issejħu flok Alla? Uruni x'ħalqu mill-art. Jaqaw għandhom sehem mis-smewwiet, jew *(forsi)* tajniehom ktieb li huma ċerti minnu *(u li jagħtihom xi jedd biex iqimu allat oħra ma' Alla)*? Le! Il-ħżiena ma jwegħdux lil xulxin għajr il-qerq!"

41. Tabilħaqq li Alla jżomm is-smewwiet u l-art milli jżulu *(minn posthom)*. U jekk iżulu, ħadd, warajh, ma jżommhom. Huwa tassew Kollu Ħlewwa u Sabar u Kollu Maħfra *(mal-midinbin)*.

42. Huma *(nies Mekka, qabel ma deher Muħammad)* ħalfu b'Alla l-akbar ħalfiet illi jekk jiġihom wieħed li jwissihom, kienu tassew se jkunu aktar fit-triq it-tajba minn xi wieħed mill-ġnus *(l-oħra)*. Iżda meta ġiehom dak li jwissihom *(il-Profeta Muħammad, il-miġja tiegħu)* ma żidithomx ħlief fit-tnaffir *(tagħhom mit-twemmin tassew)*,

43. għaliex tkabbru fl-art, u nassu l-ħażen. Iżda t-tnassis tal-ħażen ma jdurx għajr għal min jagħmlu. X'qegħdin jistennew ħlief id-drawwa *(li Alla mexa biha)* mal-ġnus tal-qedem? M'intix se ssib tibdil fid-drawwa ta' Alla, u m'intix se ssib ebda tluq mid-drawwa ta' Alla.

44. Mela ma terrqux fl-art, u ma rawx x'kien it-tmiem ta' dawk qabilhom, u li kienu akbar minnhom fil-qawwa? Xejn ma jfixklu lil Alla, la fis-smewwiet u lanqas fl-art. Huwa tabilħaqq jaf kollox u jista' kollox.

وَلَوْ يُؤَاخِذُ ٱللَّهُ ٱلنَّاسَ بِمَا كَسَبُوا۟ مَا تَرَكَ عَلَىٰ
ظَهْرِهَا مِن دَآبَّةٍ وَلَٰكِن يُؤَخِّرُهُمْ إِلَىٰٓ أَجَلٍ مُّسَمًّى
فَإِذَا جَآءَ أَجَلُهُمْ فَإِنَّ ٱللَّهَ كَانَ بِعِبَادِهِۦ بَصِيرًۢا ﴿45﴾

سُورَةُ يٰسٓ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

يٰسٓ ﴿1﴾ وَٱلْقُرْءَانِ ٱلْحَكِيمِ ﴿2﴾ إِنَّكَ لَمِنَ ٱلْمُرْسَلِينَ ﴿3﴾ عَلَىٰ
صِرَٰطٍ مُّسْتَقِيمٍ ﴿4﴾ تَنزِيلَ ٱلْعَزِيزِ ٱلرَّحِيمِ ﴿5﴾ لِتُنذِرَ قَوْمًا مَّآ
أُنذِرَ ءَابَآؤُهُمْ فَهُمْ غَٰفِلُونَ ﴿6﴾ لَقَدْ حَقَّ ٱلْقَوْلُ عَلَىٰٓ أَكْثَرِهِمْ
فَهُمْ لَا يُؤْمِنُونَ ﴿7﴾ إِنَّا جَعَلْنَا فِىٓ أَعْنَٰقِهِمْ أَغْلَٰلًا فَهِىَ إِلَى
ٱلْأَذْقَانِ فَهُم مُّقْمَحُونَ ﴿8﴾ وَجَعَلْنَا مِنۢ بَيْنِ أَيْدِيهِمْ سَدًّا
وَمِنْ خَلْفِهِمْ سَدًّا فَأَغْشَيْنَٰهُمْ فَهُمْ لَا يُبْصِرُونَ ﴿9﴾ وَسَوَآءٌ
عَلَيْهِمْ ءَأَنذَرْتَهُمْ أَمْ لَمْ تُنذِرْهُمْ لَا يُؤْمِنُونَ ﴿10﴾ إِنَّمَا تُنذِرُ
مَنِ ٱتَّبَعَ ٱلذِّكْرَ وَخَشِىَ ٱلرَّحْمَٰنَ بِٱلْغَيْبِ ۖ فَبَشِّرْهُ بِمَغْفِرَةٍ
وَأَجْرٍ كَرِيمٍ ﴿11﴾ إِنَّا نَحْنُ نُحْىِ ٱلْمَوْتَىٰ وَنَكْتُبُ
مَا قَدَّمُوا۟ وَءَاثَٰرَهُمْ ۚ وَكُلَّ شَىْءٍ أَحْصَيْنَٰهُ فِىٓ إِمَامٍ مُّبِينٍ ﴿12﴾

45. Li kieku Alla jikkastiga lin-nies ta' dak li jagħmlu, kieku ma jħallix ħliqa fuq wiċċha *(wiċċ l-art)*. Iżda huwa jtawlilhom *(ħajjithom)* sa żmien imsemmi, u meta jasal żmienhom, tabilħaqq li Alla jara sew il-qaddejja tiegħu *(u xejn ma jaqbiżlu)*.

36. *Sūrat Jā' Sīn*

(Suret l-Ittri *Jā' Sīn* – Niżlet f'Mekka bi 83 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Jā'. Sīn.*
2. *(Alla jgħid: Naħlef)* fuq il-Qoran kollu għerf!
3. Inti *(Muħammad)* tabilħaqq mill-Mibgħutin *(ta' Alla għall-bnedmin kollha)*,
4. fit-triq id-dritta.
5. *(Dan il-Qoran huwa)* Ktieb imniżżel *(bir-Rivelazzjoni)* tal-Qawwi, il-Ħanin,
6. biex twissi ġens *(il-Mekkin)* li missirijietu ma kinux imwissijin, u għalhekk ma jagħtux kas *(ta' l-Islam)*.
7. Seħħet tassew il-Kelma *(dwar il-kastig ta' Alla)* kontra l-kotra tagħhom, u huma ma jemmnux.
8. Aħna tabilħaqq għamilna l-ktajjen f'għenuqhom *(li jaslu)* sal-gdiedem *(tagħhom u b'hekk)* irjushom huma mtellgħin 'il fuq.
9. U għamilna *(ukoll)* sadd quddiemhom u sadd warajhom, u għattejniehom, u huma ma jarawx.
10. Huwa l-istess għalihom sew jekk twissihom *(Muħammad)* u sew jekk ma twissihomx – ma jemmnux!
11. Imma *(jiswa)* li twissi biss lil min jimxi fuq it-tifkira *(il-Qoran)* u jibża' bil-moħbi minn Dak *(Alla)* Kollu Ħniena. Mela agħtih il-bxara tal-maħfra u ta' ħlas tajjeb u kotran.
12. Aħna tabilħaqq inqajmu l-mejtin *(f'Jum il-Ġudizzju)* u niktbu dak *(it-tajjeb u l-ħażin)* li għamlu, u dak li ħallew warajhom. Kollox niżżilna fi ktieb mill-aktar ċar.

وَٱضۡرِبۡ لَهُم مَّثَلًا أَصۡحَٰبَ ٱلۡقَرۡيَةِ إِذۡ جَآءَهَا ٱلۡمُرۡسَلُونَ ﴿13﴾
إِذۡ أَرۡسَلۡنَآ إِلَيۡهِمُ ٱثۡنَيۡنِ فَكَذَّبُوهُمَا فَعَزَّزۡنَا بِثَالِثٖ فَقَالُوٓاْ إِنَّآ
إِلَيۡكُم مُّرۡسَلُونَ ﴿14﴾ قَالُواْ مَآ أَنتُمۡ إِلَّا بَشَرٞ مِّثۡلُنَا وَمَآ أَنزَلَ
ٱلرَّحۡمَٰنُ مِن شَيۡءٍ إِنۡ أَنتُمۡ إِلَّا تَكۡذِبُونَ ﴿15﴾ قَالُواْ رَبُّنَا يَعۡلَمُ إِنَّآ
إِلَيۡكُمۡ لَمُرۡسَلُونَ ﴿16﴾ وَمَا عَلَيۡنَآ إِلَّا ٱلۡبَلَٰغُ ٱلۡمُبِينُ ﴿17﴾
قَالُوٓاْ إِنَّا تَطَيَّرۡنَا بِكُمۡۖ لَئِن لَّمۡ تَنتَهُواْ لَنَرۡجُمَنَّكُمۡ وَلَيَمَسَّنَّكُم
مِّنَّا عَذَابٌ أَلِيمٞ ﴿18﴾ قَالُواْ طَٰٓئِرُكُم مَّعَكُمۡۚ أَئِن ذُكِّرۡتُم
بَلۡ أَنتُمۡ قَوۡمٞ مُّسۡرِفُونَ ﴿19﴾ وَجَآءَ مِنۡ أَقۡصَا ٱلۡمَدِينَةِ رَجُلٞ
يَسۡعَىٰ قَالَ يَٰقَوۡمِ ٱتَّبِعُواْ ٱلۡمُرۡسَلِينَ ﴿20﴾ ٱتَّبِعُواْ مَن
لَّا يَسۡـَٔلُكُمۡ أَجۡرٗا وَهُم مُّهۡتَدُونَ ﴿21﴾ وَمَا لِيَ لَآ أَعۡبُدُ ٱلَّذِي
فَطَرَنِي وَإِلَيۡهِ تُرۡجَعُونَ ﴿22﴾ ءَأَتَّخِذُ مِن دُونِهِۦٓ ءَالِهَةً إِن
يُرِدۡنِ ٱلرَّحۡمَٰنُ بِضُرّٖ لَّا تُغۡنِ عَنِّي شَفَٰعَتُهُمۡ شَيۡـٔٗا وَلَا
يُنقِذُونِ ﴿23﴾ إِنِّيٓ إِذٗا لَّفِي ضَلَٰلٖ مُّبِينٍ ﴿24﴾ إِنِّيٓ ءَامَنتُ
بِرَبِّكُمۡ فَٱسۡمَعُونِ ﴿25﴾ قِيلَ ٱدۡخُلِ ٱلۡجَنَّةَۖ قَالَ يَٰلَيۡتَ قَوۡمِي
يَعۡلَمُونَ ﴿26﴾ بِمَا غَفَرَ لِي رَبِّي وَجَعَلَنِي مِنَ ٱلۡمُكۡرَمِينَ ﴿27﴾

13. Ġibilhom *(Muħammad)* l-eżempju ta' nies il-belt, meta ġewha l-Mibgħutin *(ta' Alla)*.
14. Meta bgħatnielhom tnejn u giddbuhom, u għalhekk saħħaħniehom bit-tielet *(Mibgħut. It-tliet Mibgħutin)* qalu: "Aħna tassew mibgħutin għandkom *(biex inwasslulkom it-twemmin tassew)*."
15. Qalu *(nies il-belt)*: "Intom m'intomx għajr bnedmin bħalna, u Dak Kollu Ħniena ma niżżel xejn *(ebda rivelazzjoni)*. M'intomx ħlief tigdbu!"
16. Qalu *(il-Mibgħutin)*: "Sidna jaf li aħna tabilħaqq għandkom mibgħutin,
17. u dmirna ma huwiex għajr li nwasslu biċ-ċar *(il-messaġġ)*."
18. Qalu *(nies il-belt)*: "Tabilħaqq li sibna fikom riżq ħażin! Jekk m'intomx se tieqfu, tassew se nħaġġrukom, u jmisskom mingħandna kastig ta' wġigħ kbir!"
19. Qalu *(il-Mibgħutin)*: "Ir-riżq ħażin tagħkom huwa magħkom. *(Qegħdin tgħidu dan)* għaliex intom imfakkrin *(timxu tajjeb, iżda qegħdin twebbsu qalbkom u ma tridux tafu)*? Le! Intom nies li għamiltu wisq ħażen!"
20. U ġie jiġri raġel *(jismu Ħabīb 'an-Naġġār)* mill-ibgħad naħa tal-belt. Qal: "Ja niesi, imxu wara l-Mibgħutin!
21. Imxu wara dawk li ma jitolbukomx ħlas, u jinsabu fit-triq it-tajba!
22. U għaliex ma għandix naqdi u nqim lil Dak li ħalaqni, u li għandu għad titreġġgħu lura?
23. Jaqaw għandi nieħu għalija allat *(oħra)* minfloku *(meta naf li)*, jekk Dak *(Alla)* Kollu Ħniena jridni f'xi ħsara, l-interċessjoni tagħhom ma tiswieli xejn, u lanqas jeħilsuni?
24. *(Jekk nagħmel hekk)* mela jiena nkun tassew f'telfien mill-aktar ċar.
25. Jiena tabilħaqq emmint f'Sidkom. Mela isimgħuni!"
26. Intqal *(lil Ħabīb 'an-Naġġār)*: "Idħol il-Ġenna!" Huwa qal: "Mhux li niesi kienu jafu
27. b'dak li ħafirli Sidi, u għamilni minn dawk ta' ġieħ!"

الجزء 23 الحزب 45

۞ وَمَآ أَنزَلْنَا عَلَىٰ قَوْمِهِۦ مِنۢ بَعْدِهِۦ مِن جُندٍ مِّنَ ٱلسَّمَآءِ وَمَا
كُنَّا مُنزِلِينَ ﴿28﴾ إِن كَانَتْ إِلَّا صَيْحَةً وَٰحِدَةً فَإِذَا هُمْ خَٰمِدُونَ
﴿29﴾ يَٰحَسْرَةً عَلَى ٱلْعِبَادِ ۚ مَا يَأْتِيهِم مِّن رَّسُولٍ إِلَّا كَانُوا۟ بِهِۦ
يَسْتَهْزِءُونَ ﴿30﴾ أَلَمْ يَرَوْا۟ كَمْ أَهْلَكْنَا قَبْلَهُم مِّنَ ٱلْقُرُونِ
أَنَّهُمْ إِلَيْهِمْ لَا يَرْجِعُونَ ﴿31﴾ وَإِن كُلٌّ لَّمَّا جَمِيعٌ لَّدَيْنَا مُحْضَرُونَ
﴿32﴾ وَءَايَةٌ لَّهُمُ ٱلْأَرْضُ ٱلْمَيْتَةُ أَحْيَيْنَٰهَا وَأَخْرَجْنَا مِنْهَا حَبًّا
فَمِنْهُ يَأْكُلُونَ ﴿33﴾ وَجَعَلْنَا فِيهَا جَنَّٰتٍ مِّن نَّخِيلٍ
وَأَعْنَٰبٍ وَفَجَّرْنَا فِيهَا مِنَ ٱلْعُيُونِ ﴿34﴾ لِيَأْكُلُوا۟ مِن ثَمَرِهِۦ
وَمَا عَمِلَتْهُ أَيْدِيهِمْ ۖ أَفَلَا يَشْكُرُونَ ﴿35﴾ سُبْحَٰنَ ٱلَّذِى
خَلَقَ ٱلْأَزْوَٰجَ كُلَّهَا مِمَّا تُنۢبِتُ ٱلْأَرْضُ وَمِنْ أَنفُسِهِمْ
وَمِمَّا لَا يَعْلَمُونَ ﴿36﴾ وَءَايَةٌ لَّهُمُ ٱلَّيْلُ نَسْلَخُ مِنْهُ ٱلنَّهَارَ
فَإِذَا هُم مُّظْلِمُونَ ﴿37﴾ وَٱلشَّمْسُ تَجْرِى لِمُسْتَقَرٍّ لَّهَا ۚ
ذَٰلِكَ تَقْدِيرُ ٱلْعَزِيزِ ٱلْعَلِيمِ ﴿38﴾ وَٱلْقَمَرَ قَدَّرْنَٰهُ مَنَازِلَ حَتَّىٰ
عَادَ كَٱلْعُرْجُونِ ٱلْقَدِيمِ ﴿39﴾ لَا ٱلشَّمْسُ يَنۢبَغِى لَهَآ أَن تُدْرِكَ
ٱلْقَمَرَ وَلَا ٱلَّيْلُ سَابِقُ ٱلنَّهَارِ ۚ وَكُلٌّ فِى فَلَكٍ يَسْبَحُونَ ﴿40﴾

28. Warajh, ma niżżilniex suldati mis-sema kontra niesu, u lanqas qatt inniżżlu.
29. Kien biss ħoss qawwi wieħed, u arahom ħemdin *(u bla ħajja)*.
30. Jaħasra l-qaddejja! Ma jiġihomx Mibgħut li ma jżebilħuhx.
31. Jaqaw ma jarawx kemm-il nisel qridna qabilhom, li ma jerġgħux lura għandhom *(f'din id-dinja)*?
32. U lkoll kemm huma għad jinġiebu quddiemna *(f'Jum il-Ġudizzju)*.
33. Sinjal għalihom hija l-art mejta: Aħna nagħtuha l-ħajja u minnha noħorġu *(kull għamla ta')* qamħ, u minnu jieklu.
34. Fiha nqiegħdu ġonna tas-siġar tal-palm u dwieli, u fiha noħorġu għejun igelglu,
35. biex jieklu mill-frott tiegħu *(dan il-ġid)* u minn dak li għamlu idejhom *(meta ħadmu l-art)*. Jaqaw ma jiżżux ħajr *(ta' dan kollu)*?
36. Sebħ lil Dak li ħalaq tnejn tnejn minn kulma tnibbet l-art, u minnhom infushom *(ħalaq raġel u mara)*, u minn dak li ma jafux.
37. U sinjal *(ieħor)* għalihom *(tal-kobor ta' Alla)* huwa l-lejl: hekk kif inneħħu minnu n-nhar *(bid-dawl tiegħu)*, arahom isibu rwieħhom fid-dlam.
38. Ix-xemx tiġri lejn tmiem maħsub għaliha. Dak huwa d-digriet tal-Qawwi li jaf kollox.
39. Il-qamar qassamnieh f'taqsimiet, sa ma jsir bħall-fergħa qadima ta' palma *(li minnha jiddendel l-għanqud tat-tamar)*.
40. La x-xemx ma għandha tilħaq il-qamar, u lanqas il-lejl ma għandu jisboq lin-nhar. Kollox idur fid-dawra tiegħu.

وَءَايَةٌ لَّهُمْ أَنَّا حَمَلْنَا ذُرِّيَّتَهُمْ فِى ٱلْفُلْكِ ٱلْمَشْحُونِ ﴿41﴾ وَخَلَقْنَا
لَهُم مِّن مِّثْلِهِۦ مَا يَرْكَبُونَ ﴿42﴾ وَإِن نَّشَأْ نُغْرِقْهُمْ فَلَا صَرِيخَ لَهُمْ
وَلَا هُمْ يُنقَذُونَ ﴿43﴾ إِلَّا رَحْمَةً مِّنَّا وَمَتَٰعًا إِلَىٰ حِينٍ ﴿44﴾ وَإِذَا
قِيلَ لَهُمُ ٱتَّقُوا۟ مَا بَيْنَ أَيْدِيكُمْ وَمَا خَلْفَكُمْ لَعَلَّكُمْ تُرْحَمُونَ ﴿45﴾
وَمَا تَأْتِيهِم مِّنْ ءَايَةٍ مِّنْ ءَايَٰتِ رَبِّهِمْ إِلَّا كَانُوا۟ عَنْهَا مُعْرِضِينَ
﴿46﴾ وَإِذَا قِيلَ لَهُمْ أَنفِقُوا۟ مِمَّا رَزَقَكُمُ ٱللَّهُ قَالَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟
لِلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ أَنُطْعِمُ مَن لَّوْ يَشَآءُ ٱللَّهُ أَطْعَمَهُۥٓ إِنْ أَنتُمْ إِلَّا فِى
ضَلَٰلٍ مُّبِينٍ ﴿47﴾ وَيَقُولُونَ مَتَىٰ هَٰذَا ٱلْوَعْدُ إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ
﴿48﴾ مَا يَنظُرُونَ إِلَّا صَيْحَةً وَٰحِدَةً تَأْخُذُهُمْ وَهُمْ يَخِصِّمُونَ
﴿49﴾ فَلَا يَسْتَطِيعُونَ تَوْصِيَةً وَلَآ إِلَىٰٓ أَهْلِهِمْ يَرْجِعُونَ ﴿50﴾
وَنُفِخَ فِى ٱلصُّورِ فَإِذَا هُم مِّنَ ٱلْأَجْدَاثِ إِلَىٰ رَبِّهِمْ يَنسِلُونَ
﴿51﴾ قَالُوا۟ يَٰوَيْلَنَا مَنۢ بَعَثَنَا مِن مَّرْقَدِنَا ۜ هَٰذَا مَا وَعَدَ ٱلرَّحْمَٰنُ
وَصَدَقَ ٱلْمُرْسَلُونَ ﴿52﴾ إِن كَانَتْ إِلَّا صَيْحَةً وَٰحِدَةً فَإِذَا هُمْ جَمِيعٌ لَّدَيْنَا مُحْضَرُونَ ﴿53﴾ فَٱلْيَوْمَ لَا تُظْلَمُ
نَفْسٌ شَيْـًٔا وَلَا تُجْزَوْنَ إِلَّا مَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿54﴾

سكتة لطيفة على ألف مرقدنا

41. U sinjal *(ieħor)* għalihom huwa li Aħna ġarrejna lil nisilhom *(waqt id-dilluvju)* fl-arka l-mgħobbija.
42. U ħlaqnielhom bħalha *(dik l-arka)* biex jirkbu *(u jbaħħru)*.
43. Jekk irridu, ngħerrquhom u ma jsibux min jgħinhom, u lanqas jinħelsu *(mill-għarqa)*,
44. ħlief bil-ħniena tagħna, u biex igawdu għal ftit żmien.
45. Meta jingħad lilhom: "Ibżgħu minn *(dak il-kastig)* li jinsab quddiemkom *(f'din id-dinja)* u warajkom *(fil-Ħajja l-Oħra)*, biex forsi tintwera ħniena magħkom," *(huma xorta waħda ma jagħtux widen)*.
46. Ma jiġihomx sinjal mis-sinjali ta' Sidhom li ma jagħtuhx il-ġenb.
47. Meta jingħad lilhom: "Onfqu *(għall-foqra)* minn dak li Alla takom *(għall-għajxien tagħkom)*," dawk bla twemmin jgħidu lil dawk li jemmnu: "Jaqaw għandna nitimgħu lil min Alla, jekk irid, jista' jitimgħu *(Hu)*?" M'intomx ħlief f'telfien mill-aktar ċar!
48. U jgħidu *(ukoll ta' bla twemmin)*: "Meta *(sseħħ)* din il-weġħda *(dwar Jum il-Qawmien)*, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa?"
49. Ma għandhomx jistennew ħlief ħoss qawwi li jeħodhom *(għal għarrieda)* filwaqt li jkunu jitlewmu *(u medhijin fin-negozju tagħhom)*.
50. Ma jkunux jistgħu jagħmlu testment, u lanqas imorru lura għand nieshom.
51. Tindaqq it-trumbetta, u arahom, mill-oqbra lejn Sidhom joħorġu mgħaġġlin.
52. Jgħidu *(dak il-ħin)*: "Msieken aħna! Min qajjimna mill-marqad tagħna?" Dan huwa li wieġħed Dak li huwa Kollu Ħniena, u sewwa qalu l-Mibgħutin *(tiegħu)*.
53. Ma jkunx ħlief ħoss qawwi wieħed, u arahom, jinġiebu lkoll quddiemna.
54. Illum *(f'Jum il-Ġudizzju)* ebda ruħ ma ssir inġustizzja magħha, u ma titħallsux jekk mhux ta' dak li kontu tagħmlu.

إِنَّ أَصْحَٰبَ ٱلْجَنَّةِ ٱلْيَوْمَ فِى شُغُلٍ فَٰكِهُونَ ﴿55﴾ هُمْ وَأَزْوَٰجُهُمْ
فِى ظِلَٰلٍ عَلَى ٱلْأَرَآئِكِ مُتَّكِـُٔونَ ﴿56﴾ لَهُمْ فِيهَا فَٰكِهَةٌ وَلَهُم
مَّا يَدَّعُونَ ﴿57﴾ سَلَٰمٌ قَوْلًا مِّن رَّبٍّ رَّحِيمٍ ﴿58﴾ وَٱمْتَٰزُوا۟ ٱلْيَوْمَ
أَيُّهَا ٱلْمُجْرِمُونَ ﴿59﴾ ۞ أَلَمْ أَعْهَدْ إِلَيْكُمْ يَٰبَنِىٓ ءَادَمَ أَن لَّا
تَعْبُدُوا۟ ٱلشَّيْطَٰنَ ۖ إِنَّهُۥ لَكُمْ عَدُوٌّ مُّبِينٌ ﴿60﴾ وَأَنِ ٱعْبُدُونِى ۚ
هَٰذَا صِرَٰطٌ مُّسْتَقِيمٌ ﴿61﴾ وَلَقَدْ أَضَلَّ مِنكُمْ جِبِلًّا كَثِيرًا ۖ
أَفَلَمْ تَكُونُوا۟ تَعْقِلُونَ ﴿62﴾ هَٰذِهِۦ جَهَنَّمُ ٱلَّتِى كُنتُمْ تُوعَدُونَ
﴿63﴾ ٱصْلَوْهَا ٱلْيَوْمَ بِمَا كُنتُمْ تَكْفُرُونَ ﴿64﴾ ٱلْيَوْمَ نَخْتِمُ
عَلَىٰٓ أَفْوَٰهِهِمْ وَتُكَلِّمُنَآ أَيْدِيهِمْ وَتَشْهَدُ أَرْجُلُهُم بِمَا كَانُوا۟
يَكْسِبُونَ ﴿65﴾ وَلَوْ نَشَآءُ لَطَمَسْنَا عَلَىٰٓ أَعْيُنِهِمْ فَٱسْتَبَقُوا۟
ٱلصِّرَٰطَ فَأَنَّىٰ يُبْصِرُونَ ﴿66﴾ وَلَوْ نَشَآءُ لَمَسَخْنَٰهُمْ
عَلَىٰ مَكَانَتِهِمْ فَمَا ٱسْتَطَٰعُوا۟ مُضِيًّا وَلَا يَرْجِعُونَ
﴿67﴾ وَمَن نُّعَمِّرْهُ نُنَكِّسْهُ فِى ٱلْخَلْقِ ۖ أَفَلَا يَعْقِلُونَ ﴿68﴾
وَمَا عَلَّمْنَٰهُ ٱلشِّعْرَ وَمَا يَنۢبَغِى لَهُۥٓ ۚ إِنْ هُوَ إِلَّا ذِكْرٌ وَقُرْءَانٌ مُّبِينٌ
﴿69﴾ لِّيُنذِرَ مَن كَانَ حَيًّا وَيَحِقَّ ٱلْقَوْلُ عَلَى ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿70﴾

ربع الحزب 45

55. Tabilħaqq li llum nies il-Ġenna medhijin jithennew *(b'Alla)*.
56. Huma u n-nisa tagħhom *(jinsabu)* fid-dell, fuq id-divani mimdudin.
57. Ikollhom il-frott fiha *(fil-Ġenna)* , u jkollhom kulma jitolbu.
58. "Sliem!" Kelma *(jisimgħuha)* minn Sid Ħanin.
59. "Oqogħdu għalikom illum, intom il-ħatjin!
60. Jaqaw ma kontx għedtilkom, ja wlied Adam, biex ma tqimux lix-Xitan, *(għaliex)* huwa tabilħaqq għadu tagħkom, fil-beraħ,
61. u biex tqimu lili? Din hija triq dritta.
62. Huwa tassew wassal għat-telfien ġemgħat kbar minnkom. Kif ma stajtux tifhmu?
63. Dan hu l-Infern li kontu mwegħdin.
64. Inxtwew fih, illum, talli kontu tiċħdu t-twemmin!"
65. Illum *(f'Jum il-Ġudizzju)* inqiegħdu siġill fuq fommhom *(hekk li ma jkunux jistgħu jkellmuna)*, u jkellmuna idejhom, u jixhdu riġlejhom għal dak li kienu għamlu *(f'ħajjithom)*.
66. Kieku ridna, stajna nħassrulhom għajnejhom *(u nagħmuhom)*, u *(imbagħad arahom)* jiġru *(mitlufin)* u jippruvaw jgħaddu lil xulxin biex isibu t-triq *(ta' Alla)*, iżda kif jistgħu jaraw*(ha)*?
67. U kieku ridna, stajna nibdluhom, fejn huma, *(f'xi ħaġa oħra, kerha)*, hekk li la jkunu jistgħu jitilqu u lanqas jerġgħu lura.
68. Lil min nagħtuh ħajja twila, inreġġgħuh lura għalli kien meta nħalaq *(f'qagħda dgħajfa)*. Jaqaw ma jifhmux?
69. Ma għallimniehx *(lil Muħammad)* il-poeżija, u lanqas ma tixraqlu. *(Dan il-Ktieb)* ma huwiex ħlief tifkira u Qoran ċar,
70. biex iwissi lil min hu *(tassew)* ħaj, u biex il-kelma *(ta' kundanna)* sseħħ ma' dawk li ċaħdu t-twemmin.

أَوَلَمْ يَرَوْا۟ أَنَّا خَلَقْنَا لَهُم مِّمَّا عَمِلَتْ أَيْدِينَآ أَنْعَٰمًا فَهُمْ لَهَا
مَٰلِكُونَ ﴿71﴾ وَذَلَّلْنَٰهَا لَهُمْ فَمِنْهَا رَكُوبُهُمْ وَمِنْهَا يَأْكُلُونَ ﴿72﴾
وَلَهُمْ فِيهَا مَنَٰفِعُ وَمَشَارِبُ ۖ أَفَلَا يَشْكُرُونَ ﴿73﴾ وَٱتَّخَذُوا۟
مِن دُونِ ٱللَّهِ ءَالِهَةً لَّعَلَّهُمْ يُنصَرُونَ ﴿74﴾ لَا يَسْتَطِيعُونَ
نَصْرَهُمْ وَهُمْ لَهُمْ جُندٌ مُّحْضَرُونَ ﴿75﴾ فَلَا يَحْزُنكَ قَوْلُهُمْ ۘ
إِنَّا نَعْلَمُ مَا يُسِرُّونَ وَمَا يُعْلِنُونَ ﴿76﴾ أَوَلَمْ يَرَ ٱلْإِنسَٰنُ أَنَّا
خَلَقْنَٰهُ مِن نُّطْفَةٍ فَإِذَا هُوَ خَصِيمٌ مُّبِينٌ ﴿77﴾ وَضَرَبَ لَنَا
مَثَلًا وَنَسِىَ خَلْقَهُۥ ۖ قَالَ مَن يُحْىِ ٱلْعِظَٰمَ وَهِىَ رَمِيمٌ ﴿78﴾
قُلْ يُحْيِيهَا ٱلَّذِىٓ أَنشَأَهَآ أَوَّلَ مَرَّةٍ ۖ وَهُوَ بِكُلِّ خَلْقٍ عَلِيمٌ
﴿79﴾ ٱلَّذِى جَعَلَ لَكُم مِّنَ ٱلشَّجَرِ ٱلْأَخْضَرِ نَارًا فَإِذَآ أَنتُم
مِّنْهُ تُوقِدُونَ ﴿80﴾ أَوَلَيْسَ ٱلَّذِى خَلَقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ
بِقَٰدِرٍ عَلَىٰٓ أَن يَخْلُقَ مِثْلَهُم ۚ بَلَىٰ وَهُوَ ٱلْخَلَّٰقُ ٱلْعَلِيمُ ﴿81﴾
إِنَّمَآ أَمْرُهُۥٓ إِذَآ أَرَادَ شَيْـًٔا أَن يَقُولَ لَهُۥ كُن فَيَكُونُ ﴿82﴾
فَسُبْحَٰنَ ٱلَّذِى بِيَدِهِۦ مَلَكُوتُ كُلِّ شَىْءٍ وَإِلَيْهِ تُرْجَعُونَ ﴿83﴾

سُورَةُ الصَّافَّاتِ

71. Mela ma jarawx li, minn dak *(kollu)* li għamlu idejna, ħlaqnielhom il-frat, u li huma s-sidien tagħhom?
72. Għamilnihomlhom joqogħdu għalihom, u hemm minnhom li jirkbuhom u oħrajn jieklu *(minnhom)*.
73. Fihom isibu ħwejjeġ oħra ta' fejda u xorb. Jaqaw ma jiżżux ħajr?
74. Huma ħadu allat *(oħra)* minflok lil Alla, biex forsi jsibu l-għajnuna!
75. Ma jistgħux jgħinuhom, minkejja li *(il-pagani)* huma suldati mħejjija *(biex jaqdu lill-idoli)*.
76. Ara li ma jnikktekx kliemhom *(Muħammad, meta jgħidu li inti saħħar jew poeta)*. Aħna tabilħaqq nafu dak li jaħbu u dak li juru fil-beraħ.
77. Mela l-bniedem ma jarax li Aħna ħlaqnieh minn nitfa *(ta' sperma)*? Iżda hawn huwa *(il-pagan)*: wieħed li jħaqqaqha magħna bil-miftuħ!
78. Huwa *(mingħalih irid)* jagħtina tixbiha, filwaqt li jinsa l-ħolqien tiegħu *(minn daqsxejn ta' sperma)*, u jgħid: "Min jagħti l-ħajja lill-għadam meta jkun imħassar *(fil-qabar)*?"
79. Għid*(lu Muħammad)*: "Dak li ħalqu l-ewwel darba jagħtih il-ħajja, u Huwa jaf kollox dwar kull ħliqa;
80. Dak li mis-siġar ħodor takom in-nar, u arakom, intom tkebbsu minnu."
81. Jaqaw mhux Dak li ħalaq is-smewwiet u l-art li għandu s-setgħa joħloq bħalhom *(u jqajjem mill-ġdid lill-bnedmin wara mewthom)*? Mela *(tassew jista' jagħmel dan)*! Huwa l-Ħallieq li jaf kollox.
82. L-amar tiegħu, meta jrid xi ħaġa, ikun biss li jgħidilha: "Kun!" u tkun.
83. Mela sebħ lil Dak li f'idejh għandu s-saltna ta' kull ħaġa, u lejh għad titreġġgħu lura *(fl-Aħħar Jum)*.

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

وَالصَّافَّاتِ صَفًّا ﴿1﴾ فَالزَّاجِرَاتِ زَجْرًا ﴿2﴾ فَالتَّالِيَاتِ ذِكْرًا ﴿3﴾
إِنَّ إِلَٰهَكُمْ لَوَاحِدٌ ﴿4﴾ رَبُّ السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضِ وَمَا بَيْنَهُمَا وَرَبُّ
الْمَشَارِقِ ﴿5﴾ إِنَّا زَيَّنَّا السَّمَاءَ الدُّنْيَا بِزِينَةٍ الْكَوَاكِبِ ﴿6﴾ وَحِفْظًا
مِّن كُلِّ شَيْطَانٍ مَّارِدٍ ﴿7﴾ لَّا يَسَّمَّعُونَ إِلَى الْمَلَإِ الْأَعْلَىٰ وَيُقْذَفُونَ
مِن كُلِّ جَانِبٍ ﴿8﴾ دُحُورًا وَلَهُمْ عَذَابٌ وَاصِبٌ ﴿9﴾ إِلَّا مَنْ خَطِفَ
الْخَطْفَةَ فَأَتْبَعَهُ شِهَابٌ ثَاقِبٌ ﴿10﴾ فَاسْتَفْتِهِمْ أَهُمْ أَشَدُّ خَلْقًا
أَم مَّنْ خَلَقْنَا ۚ إِنَّا خَلَقْنَاهُم مِّن طِينٍ لَّازِبٍ ﴿11﴾ بَلْ عَجِبْتَ
وَيَسْخَرُونَ ﴿12﴾ وَإِذَا ذُكِّرُوا لَا يَذْكُرُونَ ﴿13﴾ وَإِذَا رَأَوْا آيَةً يَسْتَسْخِرُونَ
﴿14﴾ وَقَالُوا إِنْ هَٰذَا إِلَّا سِحْرٌ مُّبِينٌ ﴿15﴾ أَإِذَا مِتْنَا وَكُنَّا تُرَابًا وَعِظَامًا
أَإِنَّا لَمَبْعُوثُونَ ﴿16﴾ أَوَآبَاؤُنَا الْأَوَّلُونَ ﴿17﴾ قُلْ نَعَمْ وَأَنتُمْ دَاخِرُونَ
﴿18﴾ فَإِنَّمَا هِيَ زَجْرَةٌ وَاحِدَةٌ فَإِذَا هُمْ يَنظُرُونَ ﴿19﴾ وَقَالُوا يَا وَيْلَنَا هَٰذَا
يَوْمُ الدِّينِ ﴿20﴾ هَٰذَا يَوْمُ الْفَصْلِ الَّذِي كُنتُم بِهِ تُكَذِّبُونَ ﴿21﴾
۞ احْشُرُوا الَّذِينَ ظَلَمُوا وَأَزْوَاجَهُمْ وَمَا كَانُوا يَعْبُدُونَ ﴿22﴾ مِن دُونِ
اللَّهِ فَاهْدُوهُمْ إِلَىٰ صِرَاطِ الْجَحِيمِ ﴿23﴾ وَقِفُوهُمْ ۖ إِنَّهُم مَّسْئُولُونَ ﴿24﴾

نصف الحزب 45

37. *Sūratu ṣ-Ṣāffāt*

(Suret Dawk Miġburin f'Saffi – Niżlet f'Mekka b'182 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *(Naħilfu)* fuq dawk *(l-anġli)* miġburin f'saffi *(fil-qima)*,
2. u fuq dawk *(l-anġli)* li jċanfru *(il-ħażen)* bil-qawwa,
3. u fuq dawk *(l-anġli)* li jaqraw *(u jwasslu lill-Profeti)* it-tifkira.
4. Tabilħaqq li Alla tagħkom huwa Wieħed,
5. Sid is-smewwiet u l-art, ta' dak li hemm bejniethom, u Sid ta' kull naħa fil-Lvant minn fejn titla' x-xemx.
6. Aħna tabilħaqq żejjinna l-eqreb sema *(lejn l-art)* bil-ġmiel tal-kwiekeb,
7. b'ħarsien minn kull xitan ribelli.
8. Huma ma jissemmgħux lill-ogħla ġemgħa *(ta' l-anġli)*, u jitwaddbulhom *(il-meteoriti)* minn kull naħa,
9. imkeċċija, u għandhom kastig dejjiemi.
10. *(u dawn ix-xjaten ma jistgħux jissemmgħu)* ħlief dak *(fosthom)* li jaħtaf ħatfa *(xi ħaġa li tintqal fl-ogħla sema)*, iżda tiġri warajh xrara kollha dija *(u taħarqu)*.
11. Staqsihom *(Muħammad, lill-pagani)* jekk humiex l-aqwa ħolqien, jew min ħlaqna *(fost il-ħlejjaq l-oħrajn)*? Tabilħaqq li Aħna ħlaqniehom minn tafal iwaħħal.
12. Le *(ma humiex aqwa)*, iżda inti tistagħġeb *(bl-ebusija ta' qalb il-pagani)*, filwaqt li huma jiddieħku *(b'li tħabbrilhom)*.
13. Meta jkunu mwissija, ma jagħtux widen.
14. U meta jaraw sinjal, iwaqqgħu *(kollox)* għaċ-ċajt,
15. u jgħidu: "Dan ma huwiex ħlief seħer biċ-ċar!
16. Jaqaw meta mmutu, u nkunu trab u għadam, se *(nerġgħu)* nitqajmu?
17. U missirijietna tal-qedem ukoll?"
18. Għid*(illhom)*: "Iva, u intom imkasbrin *(u taqgħu fil-għajb)*!"
19. Imbagħad tkun biss għajta waħda, u ara, jibdew jaraw!
20. U jgħidu: "Msieken aħna! Dan huwa Jum il-Ġudizzju!"
21. Dan huwa Jum il-verdett li kontu tgiddbu!
22. *(Jintqal lill-anġli:)* "Iġbru lil dawk li għamlu l-ħażen, u lil min hu bħalhom, u lil dawk *(l-idoli)* li kienu jqimu
23. minflok Alla, u mexxuhom lejn triq in-Nar iħeġġeġ!
24. Waqqfuhom! Huma jkunu mistoqsijin:

مَا لَكُمْ لَا تَنَاصَرُونَ ﴿25﴾ بَلْ هُمُ الْيَوْمَ مُسْتَسْلِمُونَ ﴿26﴾ وَأَقْبَلَ بَعْضُهُمْ
عَلَىٰ بَعْضٍ يَتَسَاءَلُونَ ﴿27﴾ قَالُوا إِنَّكُمْ كُنتُمْ تَأْتُونَنَا عَنِ الْيَمِينِ ﴿28﴾
قَالُوا بَل لَّمْ تَكُونُوا مُؤْمِنِينَ ﴿29﴾ وَمَا كَانَ لَنَا عَلَيْكُم مِّن سُلْطَانٍ ۖ
بَلْ كُنتُمْ قَوْمًا طَاغِينَ ﴿30﴾ فَحَقَّ عَلَيْنَا قَوْلُ رَبِّنَا ۖ إِنَّا لَذَائِقُونَ ﴿31﴾
فَأَغْوَيْنَاكُمْ إِنَّا كُنَّا غَاوِينَ ﴿32﴾ فَإِنَّهُمْ يَوْمَئِذٍ فِي الْعَذَابِ مُشْتَرِكُونَ
﴿33﴾ إِنَّا كَذَٰلِكَ نَفْعَلُ بِالْمُجْرِمِينَ ﴿34﴾ إِنَّهُمْ كَانُوا إِذَا قِيلَ لَهُمْ
لَا إِلَٰهَ إِلَّا اللَّهُ يَسْتَكْبِرُونَ ﴿35﴾ وَيَقُولُونَ أَئِنَّا لَتَارِكُو آلِهَتِنَا
لِشَاعِرٍ مَّجْنُونٍ ﴿36﴾ بَلْ جَاءَ بِالْحَقِّ وَصَدَّقَ الْمُرْسَلِينَ ﴿37﴾ إِنَّكُمْ
لَذَائِقُو الْعَذَابِ الْأَلِيمِ ﴿38﴾ وَمَا تُجْزَوْنَ إِلَّا مَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ
﴿39﴾ إِلَّا عِبَادَ اللَّهِ الْمُخْلَصِينَ ﴿40﴾ أُولَٰئِكَ لَهُمْ رِزْقٌ مَّعْلُومٌ ﴿41﴾
فَوَاكِهُ ۖ وَهُم مُّكْرَمُونَ ﴿42﴾ فِي جَنَّاتِ النَّعِيمِ ﴿43﴾ عَلَىٰ سُرُرٍ مُّتَقَابِلِينَ
﴿44﴾ يُطَافُ عَلَيْهِم بِكَأْسٍ مِّن مَّعِينٍ ﴿45﴾ بَيْضَاءَ لَذَّةٍ لِّلشَّارِبِينَ
﴿46﴾ لَا فِيهَا غَوْلٌ وَلَا هُمْ عَنْهَا يُنزَفُونَ ﴿47﴾ وَعِندَهُمْ قَاصِرَاتُ
الطَّرْفِ عِينٌ ﴿48﴾ كَأَنَّهُنَّ بَيْضٌ مَّكْنُونٌ ﴿49﴾ فَأَقْبَلَ بَعْضُهُمْ عَلَىٰ
بَعْضٍ يَتَسَاءَلُونَ ﴿50﴾ قَالَ قَائِلٌ مِّنْهُمْ إِنِّي كَانَ لِي قَرِينٌ ﴿51﴾

25. 'Xi ġralkom, *(u għaliex)* ma tgħinux lil xulxin?'"
26. Le, illum huma jċedu *(u jkunu misjuqa lejn l-Infern)*.
27. Uħud minnhom iduru fuq oħrajn, u jistaqsu lil xulxin.
28. Huma jgħidu *(lill-mexxejja ħżiena tagħhom)*: "Intom kontu tiġuna min-naħa tal-lemin *(tfesfsulna l-ħażen)*."
29. Jgħidu *(il-mexxejja l-ħżiena)*: "Le! Intom ma kontux temmnu *(u toqogħdux twaħħlu fina)*!
30. U lanqas ma kellna setgħa fuqkom, iżda kontu nies ħżiena għall-aħħar.
31. Il-Kelma ta' Sidna *(il-Mulej)* seħħet kontrina: li aħna tabilħaqq se nduqu *(il-kastig)*!
32. Aħna tellifniekom it-triq *(għaliex)* aħna tabilħaqq konna mitlufin!"
33. Tabilħaqq li dakinhar huma jissieħbu fil-kastig!
34. Tassew li hekk nagħmlu lill-ħatjin!
35. Meta kien jintqalilhom: "Ma hemmx alla ħlief Alla," huma kienu jitkabbru,
36. u jgħidu: "Jaqaw se nħallu l-allat tagħna minħabba f'poeta miġnun *(Muħammad)*?"
37. Le *(mhux kif qegħdin jgħidu)*, iżda *(Muħammad)* ġie bis-sewwa, u seddaq lill-Mibgħutin *(li ġew qablu)*!
38. Intom tabilħaqq se dduqu l-kastig ta' wġigħ,
39. u ma titħallsux għajr ta' dak *(il-ħażen)* li kontu tagħmlu,
40. ħlief il-qaddejja leali ta' Alla.
41. Dawk għandhom għajxien magħruf *(kif se jkun)*:
42. *(ikollhom)* frott *(bnin)* u jkunu mweġġħin
43. fil-Ġonna ta' l-hena,
44. *(bil-qiegħda)* fuq divani, wiċċ imb'wiċċ.
45. U ddur fosthom tazza minn għajn *(ta' nbid ġieri)*,
46. *(tazza)* bajda *(silġ)*, benna għal min jixrob,
47. li ma fihiex uġigħ ta' ras, u lanqas jiskru biha.
48. U għandhom *(ukoll fil-Ġenna)* nisa *(safja)* b'għajnejn kbar, li ma jħarsux ħlief lejhom.
49. Huma bħal perli mkennin *(u mħarsin sewwa)*.
50. Uħud minnhom iduru fuq l-oħrajn u jistaqsu lil xulxin.
51. Wieħed *(minn nies il-Ġenna)* jgħid: "Jiena kelli sieħeb,

يَقُولُ أَءِنَّكَ لَمِنَ ٱلْمُصَدِّقِينَ ﴿52﴾ أَءِذَا مِتْنَا وَكُنَّا تُرَابًا وَعِظَٰمًا أَءِنَّا
لَمَدِينُونَ ﴿53﴾ قَالَ هَلْ أَنتُم مُّطَّلِعُونَ ﴿54﴾ فَٱطَّلَعَ فَرَءَاهُ فِى سَوَآءِ
ٱلْجَحِيمِ ﴿55﴾ قَالَ تَٱللَّهِ إِن كِدتَّ لَتُرْدِينِ ﴿56﴾ وَلَوْلَا نِعْمَةُ رَبِّى
لَكُنتُ مِنَ ٱلْمُحْضَرِينَ ﴿57﴾ أَفَمَا نَحْنُ بِمَيِّتِينَ ﴿58﴾ إِلَّا مَوْتَتَنَا
ٱلْأُولَىٰ وَمَا نَحْنُ بِمُعَذَّبِينَ ﴿59﴾ إِنَّ هَٰذَا لَهُوَ ٱلْفَوْزُ ٱلْعَظِيمُ ﴿60﴾
لِمِثْلِ هَٰذَا فَلْيَعْمَلِ ٱلْعَٰمِلُونَ ﴿61﴾ أَذَٰلِكَ خَيْرٌ نُّزُلًا أَمْ شَجَرَةُ
ٱلزَّقُّومِ ﴿62﴾ إِنَّا جَعَلْنَٰهَا فِتْنَةً لِّلظَّٰلِمِينَ ﴿63﴾ إِنَّهَا شَجَرَةٌ
تَخْرُجُ فِىٓ أَصْلِ ٱلْجَحِيمِ ﴿64﴾ طَلْعُهَا كَأَنَّهُۥ رُءُوسُ ٱلشَّيَٰطِينِ
﴿65﴾ فَإِنَّهُمْ لَءَاكِلُونَ مِنْهَا فَمَالِـُٔونَ مِنْهَا ٱلْبُطُونَ ﴿66﴾ ثُمَّ إِنَّ لَهُمْ
عَلَيْهَا لَشَوْبًا مِّنْ حَمِيمٍ ﴿67﴾ ثُمَّ إِنَّ مَرْجِعَهُمْ لَإِلَى ٱلْجَحِيمِ ﴿68﴾
إِنَّهُمْ أَلْفَوْا ءَابَآءَهُمْ ضَآلِّينَ ﴿69﴾ فَهُمْ عَلَىٰٓ ءَاثَٰرِهِمْ يُهْرَعُونَ ﴿70﴾
وَلَقَدْ ضَلَّ قَبْلَهُمْ أَكْثَرُ ٱلْأَوَّلِينَ ﴿71﴾ وَلَقَدْ أَرْسَلْنَا فِيهِم
مُّنذِرِينَ ﴿72﴾ فَٱنظُرْ كَيْفَ كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلْمُنذَرِينَ ﴿73﴾
إِلَّا عِبَادَ ٱللَّهِ ٱلْمُخْلَصِينَ ﴿74﴾ وَلَقَدْ نَادَىٰنَا نُوحٌ فَلَنِعْمَ
ٱلْمُجِيبُونَ ﴿75﴾ وَنَجَّيْنَٰهُ وَأَهْلَهُۥ مِنَ ٱلْكَرْبِ ٱلْعَظِيمِ ﴿76﴾

52. *(Ii)* kien jgħidli: 'Jaqaw inti wieħed minn dawk li jemmnu?
53. Jaqaw meta mmutu u nsiru trab u għadam, se jsir ħaqq minna?'"
54. *(Dak li jinsab fil-Ġenna)* jgħid *(lil sħabu)*: "Tridux tħarsu *(lejn l-Infern, biex taraw f'hiex qiegħed dan is-sieħeb li kelli)*?"
55. Huwa għad iħares u jarah f'nofs in-Nar iħeġġeġ.
56. Huwa jgħid *(lil sieħbu)*: "Fuq Alla, *(li kieku ma kontx sod fit-twemmin)* kont għoddok qridtni *(u niżżiltni miegħek fin-Nar)*!
57. Li mhux għall-grazzja ta' Sidi, kont inkun fost dawk miġjuba *(għall-kundanna)*.
58. Jaqaw, *(kif kontu tgħidu intom)* m'aħniex se mmutu,
59. ħlief l-ewwel mewta tagħna *(fid-dinja)*, u m'aħniex se nkunu kastigati?"
60. Din tabilħaqq hija r-rebħa l-kbira *(tat-tajbin fil-Ġenna)*!
61. Għal xi ħaġa bħal din għandhom jaħdmu l-ħaddiema.
62. Jaqaw din hija l-aħjar ospitalità, jew is-siġra taż-*żaqqūm*?
63. *(Din is-siġra)* għamilnieha kastig *(qalil)* għall-ħżiena.
64. Hija tabilħaqq siġra li toħroġ minn qiegħ in-Nar iħeġġeġ.
65. Il-frott tagħha huwa *(ikrah u tal-biża')*, bħal irjus ix-xjaten.
66. Tabilħaqq li huma se jieklu minnha u jimlew żaqqhom biha.
67. Imbagħad warajha għandhom *(x'jixorbu)* taħlita ta' ilma jagħli.
68. Imbagħad jerġgħu lura fin-Nar iħeġġeġ.
69. Huma tabilħaqq sabu lil missirijiethom mitlufin,
70. u huma qegħdin jgħaġġlu fil-passi tagħhom.
71. Qabilhom, kienu tassew tilfu t-triq il-kotra tal-ġnus tal-qedem,
72. u tabilħaqq bgħatna fosthom lil min iwissi.
73. Mela ara *(Muħammad)* kif kien tmiem l-imwissijin,
74. ħlief il-qaddejja leali ta' Alla.
75. Noè tassew sejħilna, u ħadd aħjar minna ma jwieġeb *(is-sejħa)*!
76. Aħna ħlisna lilu u lil niesu mill-għawġ il-kbir.

وَجَعَلْنَا ذُرِّيَّتَهُۥ هُمُ ٱلْبَاقِينَ ﴿77﴾ وَتَرَكْنَا عَلَيْهِ فِى ٱلْءَاخِرِينَ ﴿78﴾ سَلَٰمٌ
عَلَىٰ نُوحٍ فِى ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿79﴾ إِنَّا كَذَٰلِكَ نَجْزِى ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿80﴾ إِنَّهُۥ مِنْ
عِبَادِنَا ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿81﴾ ثُمَّ أَغْرَقْنَا ٱلْءَاخَرِينَ ﴿82﴾ ۞ وَإِنَّ مِن
شِيعَتِهِۦ لَإِبْرَٰهِيمَ ﴿83﴾ إِذْ جَآءَ رَبَّهُۥ بِقَلْبٍ سَلِيمٍ ﴿84﴾ إِذْ قَالَ
لِأَبِيهِ وَقَوْمِهِۦ مَاذَا تَعْبُدُونَ ﴿85﴾ أَئِفْكًا ءَالِهَةً دُونَ ٱللَّهِ تُرِيدُونَ
﴿86﴾ فَمَا ظَنُّكُم بِرَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿87﴾ فَنَظَرَ نَظْرَةً فِى ٱلنُّجُومِ ﴿88﴾
فَقَالَ إِنِّى سَقِيمٌ ﴿89﴾ فَتَوَلَّوْا عَنْهُ مُدْبِرِينَ ﴿90﴾ فَرَاغَ إِلَىٰٓ ءَالِهَتِهِمْ
فَقَالَ أَلَا تَأْكُلُونَ ﴿91﴾ مَا لَكُمْ لَا تَنطِقُونَ ﴿92﴾ فَرَاغَ عَلَيْهِمْ ضَرْبًۢا
بِٱلْيَمِينِ ﴿93﴾ فَأَقْبَلُوٓا إِلَيْهِ يَزِفُّونَ ﴿94﴾ قَالَ أَتَعْبُدُونَ مَا تَنْحِتُونَ
﴿95﴾ وَٱللَّهُ خَلَقَكُمْ وَمَا تَعْمَلُونَ ﴿96﴾ قَالُوا۟ ٱبْنُوا۟ لَهُۥ بُنْيَٰنًا فَأَلْقُوهُ
فِى ٱلْجَحِيمِ ﴿97﴾ فَأَرَادُوا۟ بِهِۦ كَيْدًا فَجَعَلْنَٰهُمُ ٱلْأَسْفَلِينَ ﴿98﴾
وَقَالَ إِنِّى ذَاهِبٌ إِلَىٰ رَبِّى سَيَهْدِينِ ﴿99﴾ رَبِّ هَبْ لِى مِنَ ٱلصَّٰلِحِينَ
﴿100﴾ فَبَشَّرْنَٰهُ بِغُلَٰمٍ حَلِيمٍ ﴿101﴾ فَلَمَّا بَلَغَ مَعَهُ ٱلسَّعْىَ قَالَ
يَٰبُنَىَّ إِنِّىٓ أَرَىٰ فِى ٱلْمَنَامِ أَنِّىٓ أَذْبَحُكَ فَٱنظُرْ مَاذَا تَرَىٰ ۚ قَالَ
يَٰٓأَبَتِ ٱفْعَلْ مَا تُؤْمَرُ ۖ سَتَجِدُنِىٓ إِن شَآءَ ٱللَّهُ مِنَ ٱلصَّٰبِرِينَ ﴿102﴾

ثلاثة أرباع الحزب 45

77. U għamilna lil nislu jibqa' *(fuq wiċċ l-art)*.
78. Għalih ħallejna *(din it-tislima)* fost dawk li ġew wara:
79. "Sliem fuq Noè fil-ħolqien!"
80. Hekk, tabilħaqq, inħallsu lil dawk li jagħmlu t-tajjeb!
81. Huwa tabilħaqq fost il-qaddejja tagħna li emmnu!
82. Imbagħad għerriqna lill-oħrajn.
83. Tabilħaqq li Abraham kien minn dawk li mxew fi triqtu:
84. meta ġie għand Sidu *(il-Mulej)* b'qalb shiħa u safja;
85. meta qal lil missieru u lil niesu: "Xi tqimu?
86. Jaqaw tridu allat qarrieqa minflok Alla?
87. U x'taħsbu dwar Sid il-ħolqien?"
88. Imbagħad ħares ħarsa lejn il-kwiekeb
89. u qal: "Jiena tassew marid."
90. Għalhekk tawh daharhom u ma tawhx widen.
91. Imbagħad dar lejn l-allat tagħhom u qal*(ilhom)*: "Mela ma tiklux *(l-offerti li qegħdulkom quddiemkom)*?
92. X'għandkom? *(Għaliex)* ma titkellmux?"
93. Għalhekk ħabat għalihom u darabhom b'*(idu)* il-leminija *(li fiha kien qiegħed iżomm fies)*.
94. Imbagħad *(niesu l-pagani)* resqu jgħaġġlu lejh.
95. Qal*(ilhom)*: "Jaqaw tqimu dak li tnaqqxu,
96. meta kien Alla li ħalaq lilkom u dak li tagħmlu?"
97. Qalu *(mgħaddbin)*: "Ibnulu bini *(b'forn fih)* u ixħtuh fin-nar iheġġeġ!"
98. Huma riedu jonsbuh, iżda Aħna kasbarniehom.
99. U qal *(Abraham)*: "Jiena sejjer għand Sidi *(il-Mulej)*. Huwa se jmexxini!
100. Sidi, agħtini *(ulied li jkunu)* mill-ġusti!"
101. Għalhekk tajnieh il-bxara t-tajba dwar tfajjel *(Ismagħel)* kollu ħlewwa u sabar.
102. Meta *(ibnu Ismagħel)* kiber u seta' jaħdem miegħu, *(Abraham)* qal: "Ibni, f'ħolma rajtni qiegħed noffrik bħala sagrifiċċju. Mela ara x'taħseb dwar dan!" Qal *(Ismagħel)*: "Missier, agħmel dak li inti mqabbad. Jekk Alla jrid, se ssibni ma' dawk ta' sabar."

فَلَمَّآ أَسۡلَمَا وَتَلَّهُۥ لِلۡجَبِينِ ﴿103﴾ وَنَٰدَيۡنَٰهُ أَن يَٰٓإِبۡرَٰهِيمُ ﴿104﴾ قَدۡ
صَدَّقۡتَ ٱلرُّءۡيَآۚ إِنَّا كَذَٰلِكَ نَجۡزِي ٱلۡمُحۡسِنِينَ ﴿105﴾ إِنَّ هَٰذَا لَهُوَ
ٱلۡبَلَٰٓؤُاْ ٱلۡمُبِينُ ﴿106﴾ وَفَدَيۡنَٰهُ بِذِبۡحٍ عَظِيمٍ ﴿107﴾ وَتَرَكۡنَا عَلَيۡهِ فِي
ٱلۡأٓخِرِينَ ﴿108﴾ سَلَٰمٌ عَلَىٰٓ إِبۡرَٰهِيمَ ﴿109﴾ كَذَٰلِكَ نَجۡزِي ٱلۡمُحۡسِنِينَ
﴿110﴾ إِنَّهُۥ مِنۡ عِبَادِنَا ٱلۡمُؤۡمِنِينَ ﴿111﴾ وَبَشَّرۡنَٰهُ بِإِسۡحَٰقَ نَبِيًّا مِّنَ
ٱلصَّٰلِحِينَ ﴿112﴾ وَبَٰرَكۡنَا عَلَيۡهِ وَعَلَىٰٓ إِسۡحَٰقَۚ وَمِن ذُرِّيَّتِهِمَا
مُحۡسِنٞ وَظَالِمٞ لِّنَفۡسِهِۦ مُبِينٞ ﴿113﴾ وَلَقَدۡ مَنَنَّا عَلَىٰ مُوسَىٰ
وَهَٰرُونَ ﴿114﴾ وَنَجَّيۡنَٰهُمَا وَقَوۡمَهُمَا مِنَ ٱلۡكَرۡبِ ٱلۡعَظِيمِ
﴿115﴾ وَنَصَرۡنَٰهُمۡ فَكَانُواْ هُمُ ٱلۡغَٰلِبِينَ ﴿116﴾ وَءَاتَيۡنَٰهُمَا ٱلۡكِتَٰبَ
ٱلۡمُسۡتَبِينَ ﴿117﴾ وَهَدَيۡنَٰهُمَا ٱلصِّرَٰطَ ٱلۡمُسۡتَقِيمَ ﴿118﴾ وَتَرَكۡنَا
عَلَيۡهِمَا فِي ٱلۡأٓخِرِينَ ﴿119﴾ سَلَٰمٌ عَلَىٰ مُوسَىٰ وَهَٰرُونَ
﴿120﴾ إِنَّا كَذَٰلِكَ نَجۡزِي ٱلۡمُحۡسِنِينَ ﴿121﴾ إِنَّهُمَا مِنۡ
عِبَادِنَا ٱلۡمُؤۡمِنِينَ ﴿122﴾ وَإِنَّ إِلۡيَاسَ لَمِنَ ٱلۡمُرۡسَلِينَ ﴿123﴾
إِذۡ قَالَ لِقَوۡمِهِۦٓ أَلَا تَتَّقُونَ ﴿124﴾ أَتَدۡعُونَ بَعۡلٗا وَتَذَرُونَ أَحۡسَنَ
ٱلۡخَٰلِقِينَ ﴿125﴾ ٱللَّهَ رَبَّكُمۡ وَرَبَّ ءَابَآئِكُمُ ٱلۡأَوَّلِينَ ﴿126﴾

103. U meta t-tnejn li huma ntelqu għar-rieda ta' Alla, u *(Abraham)* qiegħdu wiċċu fl-art *(biex joqtlu b'sagrifiċċju)*,
104. sejjaħnielu: "Ja Abraham!
105. Inti seddaqt dak li rajt fil-ħolma *(u f'xejn ma nqast lejna)*!" Aħna tabilħaqq li hekk inħallsu lil dawk li jagħmlu t-tajjeb.
106. Tabilħaqq li dan kien tiġrib ċar *(u kbir)*!
107. Fdejnieh *(lil Ismagħel)* b'debħa *(ta' kibx)* mill-kbar.
108. Għalih ħallejna *(din it-tislima)* fost dawk li ġew wara:
109. "Sliem fuq Abraham!"
110. Hekk inħallsu lil dawk li jagħmlu t-tajjeb!
111. Huwa kien tabilħaqq mill-qaddejja tagħna li emmnu!
112. U tajnieh il-bxara tajba dwar Iżakk, Profeta, u wieħed mill-ġusti.
113. Berikna lilu u lil Iżakk. Minn nisilhom hemm min jagħmel it-tajjeb, u hemm min jonqos lejh innifsu bil-miftuħ.
114. Tassew urejna tjieba kbira ma' Mosè u *(ħuh)* Aron,
115. u ħlisna lilhom u lil nieshom mill-għawġ il-kbir *(tal-jasar fl-Eġittu)*.
116. Aħna tajniehom l-għajnuna, u kienu huma li għelbu *(lill-Fargħun u lill-niesu)*!
117. Lilhom it-tnejn tajna l-Ktieb li jfiehem biċ-ċar,
118. u mexxejniehom fit-triq id-dritta.
119. Għalihom it-tnejn ħallejna *(din it-tislima)* fost dawk li ġew wara:
120. "Sliem fuq Mosè u Aron!"
121. Hekk, tabilħaqq, inħallsu lil dawk li jagħmlu t-tajjeb!
122. Huma t-tnejn tabilħaqq kienu mill-qaddejja tagħna li emmnu!
123. Tabilħaqq li Elija kien wieħed mill-Mibgħutin,
124. meta qal lil niesu: "Jaqaw ma tibżgħux *(minn Alla)*?
125. Jaqaw issejħu lil Bagħal, u tħallu lill-Aħjar fost il-ħallieqa,
126. *(tħallu)* lil Alla Sidkom u Sid missirijietkom tal-qedem?"

فَكَذَّبُوهُ فَإِنَّهُمْ لَمُحْضَرُونَ ﴿127﴾ إِلَّا عِبَادَ اللَّهِ الْمُخْلَصِينَ ﴿128﴾
وَتَرَكْنَا عَلَيْهِ فِي الْآخِرِينَ ﴿129﴾ سَلَامٌ عَلَىٰ إِلْ يَاسِينَ ﴿130﴾ إِنَّا كَذَٰلِكَ
نَجْزِي الْمُحْسِنِينَ ﴿131﴾ إِنَّهُ مِنْ عِبَادِنَا الْمُؤْمِنِينَ ﴿132﴾ وَإِنَّ لُوطًا
لَمِنَ الْمُرْسَلِينَ ﴿133﴾ إِذْ نَجَّيْنَاهُ وَأَهْلَهُ أَجْمَعِينَ ﴿134﴾ إِلَّا عَجُوزًا
فِي الْغَابِرِينَ ﴿135﴾ ثُمَّ دَمَّرْنَا الْآخَرِينَ ﴿136﴾ وَإِنَّكُمْ لَتَمُرُّونَ عَلَيْهِم
مُصْبِحِينَ ﴿137﴾ وَبِاللَّيْلِ أَفَلَا تَعْقِلُونَ ﴿138﴾ وَإِنَّ يُونُسَ لَمِنَ
الْمُرْسَلِينَ ﴿139﴾ إِذْ أَبَقَ إِلَى الْفُلْكِ الْمَشْحُونِ ﴿140﴾ فَسَاهَمَ فَكَانَ
مِنَ الْمُدْحَضِينَ ﴿141﴾ فَالْتَقَمَهُ الْحُوتُ وَهُوَ مُلِيمٌ ﴿142﴾ فَلَوْلَا أَنَّهُ
كَانَ مِنَ الْمُسَبِّحِينَ ﴿143﴾ لَلَبِثَ فِي بَطْنِهِ إِلَىٰ يَوْمِ يُبْعَثُونَ ﴿144﴾
۞ فَنَبَذْنَاهُ بِالْعَرَاءِ وَهُوَ سَقِيمٌ ﴿145﴾ وَأَنْبَتْنَا عَلَيْهِ شَجَرَةً
مِّن يَقْطِينٍ ﴿146﴾ وَأَرْسَلْنَاهُ إِلَىٰ مِائَةِ أَلْفٍ أَوْ يَزِيدُونَ ﴿147﴾
فَآمَنُوا فَمَتَّعْنَاهُمْ إِلَىٰ حِينٍ ﴿148﴾ فَاسْتَفْتِهِمْ أَلِرَبِّكَ الْبَنَاتُ
وَلَهُمُ الْبَنُونَ ﴿149﴾ أَمْ خَلَقْنَا الْمَلَائِكَةَ إِنَاثًا وَهُمْ
شَاهِدُونَ ﴿150﴾ أَلَا إِنَّهُم مِّنْ إِفْكِهِمْ لَيَقُولُونَ ﴿151﴾ وَلَدَ
اللَّهُ وَإِنَّهُمْ لَكَاذِبُونَ ﴿152﴾ أَصْطَفَى الْبَنَاتِ عَلَى الْبَنِينَ ﴿153﴾

الحزب 46

127. Huma giddbuh, u tabilħaqq jitressqu *(għall-kastig)*,
128. ħlief il-qaddejja leali ta' Alla.
129. Għalih ħallejna *(din it-tislima)* fost dawk li ġew wara:
130. "Sliem fuq Elija u niesu!"
131. Hekk, tabilħaqq, inħallsu lil dawk li jagħmlu t-tajjeb!
132. Huwa tabilħaqq kien mill-qaddejja tagħna li emmnu!
133. Lot tabilħaqq kien wieħed mill-Mibgħutin,
134. meta ħlisna lilu u lil familtu, ilkoll,
135. ħlief mara xiħa *(mart Lot)* li baqgħet lura *(f'Sodoma)*.
136. Imbagħad qridna lill-oħrajn.
137. Intom *(nies Mekka)* tgħaddu minn ħdejhom *(fis-safar tagħkom)* mas-sebħ,
138. u billejl *(u taraw il-ħerba li tinsab fiha Sodoma)*. Mela ma għandkomx għaqal *(biex tifhmu)*?
139. Tabilħaqq li Ġona kien wieħed mill-Mibgħutin,
140. meta ħarab lejn il-mirkeb l-imgħobbi,
141. u qabel li jitfa' x-xorti, u kien fost it-tellifin *(u kellu jinxteħet il-baħar)*.
142. U belgħetu l-ħuta, meta kien wieħed ta' min ilumu *(għaliex kien telaq lil niesu mingħajr il-permess ta' Alla)*.
143. U li mhux għaliex kien wieħed minn dawk li jsebbħu lil Alla,
144. kien jibqa' f'żaqqha sal-Jum li fih jitqajmu *(il-mejtin)*.
145. Għalhekk ħriġnieh *(mill-ħuta)* għal fuq l-art mikxufa, marid.
146. U fuqu nibbitna xitla tal-qargħa *(biex tagħmillu d-dell)*,
147. u bgħatnieh *(lura għand niesu, f'Ninwe)* għal għand mitt elf *(ruħ)*, jew iżjed.
148. Huma emmnu, u ħallejniehom igawdu *(il-ħajja)* għal xi żmien.
149. Staqsihom *(Muħammad, lill-pagani f'Mekka)* x'jaħsbu: Jaqaw Sidek *(il-Mulej)* għandu l-bniet, u huma għandhom is-subien?
150. Jew ħlaqna l-anġli nisa, u huma xhieda ta' dan?
151. Mela mhux huma, tabilħaqq, li jaqilgħu minn żniedhom u jgħidu:
152. "Alla wiled!" Huma tabilħaqq giddibin!
153. Jaqaw *(Alla)* għażel il-bniet minflok is-subien?

مَا لَكُمْ كَيْفَ تَحْكُمُونَ ﴿154﴾ أَفَلَا تَذَكَّرُونَ ﴿155﴾ أَمْ لَكُمْ سُلْطَانٌ مُّبِينٌ
﴿156﴾ فَأْتُوا بِكِتَابِكُمْ إِن كُنتُمْ صَادِقِينَ ﴿157﴾ وَجَعَلُوا بَيْنَهُ وَبَيْنَ الْجِنَّةِ
نَسَبًا ۚ وَلَقَدْ عَلِمَتِ الْجِنَّةُ إِنَّهُمْ لَمُحْضَرُونَ ﴿158﴾ سُبْحَانَ اللَّهِ عَمَّا
يَصِفُونَ ﴿159﴾ إِلَّا عِبَادَ اللَّهِ الْمُخْلَصِينَ ﴿160﴾ فَإِنَّكُمْ وَمَا تَعْبُدُونَ ﴿161﴾
مَا أَنتُمْ عَلَيْهِ بِفَاتِنِينَ ﴿162﴾ إِلَّا مَنْ هُوَ صَالِ الْجَحِيمِ ﴿163﴾ وَمَا مِنَّا إِلَّا
لَهُ مَقَامٌ مَّعْلُومٌ ﴿164﴾ وَإِنَّا لَنَحْنُ الصَّافُّونَ ﴿165﴾ وَإِنَّا لَنَحْنُ الْمُسَبِّحُونَ
﴿166﴾ وَإِن كَانُوا لَيَقُولُونَ ﴿167﴾ لَوْ أَنَّ عِندَنَا ذِكْرًا مِّنَ الْأَوَّلِينَ ﴿168﴾ لَكُنَّا
عِبَادَ اللَّهِ الْمُخْلَصِينَ ﴿169﴾ فَكَفَرُوا بِهِ ۖ فَسَوْفَ يَعْلَمُونَ ﴿170﴾ وَلَقَدْ
سَبَقَتْ كَلِمَتُنَا لِعِبَادِنَا الْمُرْسَلِينَ ﴿171﴾ إِنَّهُمْ لَهُمُ الْمَنصُورُونَ ﴿172﴾ وَإِنَّ
جُندَنَا لَهُمُ الْغَالِبُونَ ﴿173﴾ فَتَوَلَّ عَنْهُمْ حَتَّىٰ حِينٍ ﴿174﴾ وَأَبْصِرْهُمْ فَسَوْفَ
يُبْصِرُونَ ﴿175﴾ أَفَبِعَذَابِنَا يَسْتَعْجِلُونَ ﴿176﴾ فَإِذَا نَزَلَ بِسَاحَتِهِمْ فَسَاءَ
صَبَاحُ الْمُنذَرِينَ ﴿177﴾ وَتَوَلَّ عَنْهُمْ حَتَّىٰ حِينٍ ﴿178﴾ وَأَبْصِرْ فَسَوْفَ
يُبْصِرُونَ ﴿179﴾ سُبْحَانَ رَبِّكَ رَبِّ الْعِزَّةِ عَمَّا يَصِفُونَ ﴿180﴾
وَسَلَامٌ عَلَى الْمُرْسَلِينَ ﴿181﴾ وَالْحَمْدُ لِلَّهِ رَبِّ الْعَالَمِينَ ﴿182﴾

سُورَةُ صٓ

154. X'għandkom *(f'moħħkom)*? Kif tiġġudikaw *(hekk)*?
155. Mela ma tiftakrux?
156. Jaqaw għandkom xi prova ċara *(dwar dan li qegħdin tgħidu)*?
157. Mela ġibu l-ktieb tagħkom, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa!
158. *(Il-pagani)* għamlu qrubija bejnu *(bejn Alla)* u bejn il-*ġinn*, iżda l-*ġinn* jafu tajjeb li huma *(ukoll)* se jitressqu *(għall-kastig)*.
159. Sebħ lil Alla! *(Huwa wisq ogħla)* minn dak li jgħidu *(dwaru)*,
160. ħlief il-qaddejja leali ta' Alla *(li ma jitkellmux hekk)*.
161. Tabilħaqq li la intom, u lanqas dawk li tqimu
162. ma tistgħu ġġarrbu *(lil ħadd)* dwaru *(Alla l-Imbierek u toħorġuh mit-triq it-tajba)*,
163. ħlief lil min hu *(kundannat)* li jinxtewa fin-Nar iħeġġeġ.
164. "Ma hemmx wieħed minna *(l-anġli)* li ma għandux grad magħruf,
165. u aħna tabilħaqq dawk miġburin f'saffi *(biex nagħtu qima bla waqfien lil Alla)*,
166. u aħna tabilħaqq li nsebbħu *(lil Alla)*!"
167. Tassew li *(il-pagani ta" Mekka)* kienu jgħidu:
168. "Li kieku kellna tifkira min-nies ta' l-imgħoddi,
169. konna nkunu l-qaddejja leali ta' Alla!"
170. Huma ċaħduh *(il-Qoran)*, u se jkunu jafu *(ħlashom)*!
171. Kelmitna kienet tassew ingħatat lill-qaddejja tagħna l-Mibgħutin.
172. Tabilħaqq li huma l-megħjunin,
173. u tassew li l-qawwiet tagħna jegħlbu *(lill-għedewwa tagħhom)*!
174. Mela warrab minnhom *(Muħammad)* għal xi żmien!
175. Ħares lejhom *(meta jieħdu l-kastig)*, u *(dalwaqt)* se jaraw *(fiex ġabithom l-ebusija ta' rashom)*!
176. Jaqaw qegħdin jgħaġġlu l-kastig tagħna?
177. Meta *(il-kastig)* jinżel fil-btieħi tagħhom, tkun *(tassew)* kerha l-għodwa ta' l-imwiddbin!
178. Warrab minnhom *(Muħammad)* għal xi żmien!
179. Ħares lejhom, u *(dalwaqt)* se jaraw!
180. Sebħ lil Sidek *(il-Mulej)*, Sid il-qawwa u l-ġieħ! *(Huwa wisq ogħla)* minn dak li jgħidu *(dwaru)*.
181. Sliem għall-Mibgħutin!
182. U t-tifħir lil Alla, Sid il-holqien!

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

صٓ ۚ وَٱلْقُرْءَانِ ذِى ٱلذِّكْرِ ﴿1﴾ بَلِ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ فِى عِزَّةٍ وَشِقَاقٍ ﴿2﴾
كَمْ أَهْلَكْنَا مِن قَبْلِهِم مِّن قَرْنٍ فَنَادَوا۟ وَّلَاتَ حِينَ مَنَاصٍ ﴿3﴾ وَعَجِبُوٓا۟
أَن جَآءَهُم مُّنذِرٌ مِّنْهُمْ ۖ وَقَالَ ٱلْكَٰفِرُونَ هَٰذَا سَٰحِرٌ كَذَّابٌ ﴿4﴾
أَجَعَلَ ٱلْءَالِهَةَ إِلَٰهًا وَٰحِدًا ۖ إِنَّ هَٰذَا لَشَىْءٌ عُجَابٌ ﴿5﴾ وَٱنطَلَقَ ٱلْمَلَأُ
مِنْهُمْ أَنِ ٱمْشُوا۟ وَٱصْبِرُوا۟ عَلَىٰٓ ءَالِهَتِكُمْ ۖ إِنَّ هَٰذَا لَشَىْءٌ يُرَادُ ﴿6﴾
مَا سَمِعْنَا بِهَٰذَا فِى ٱلْمِلَّةِ ٱلْءَاخِرَةِ إِنْ هَٰذَآ إِلَّا ٱخْتِلَٰقٌ ﴿7﴾ أَءُنزِلَ
عَلَيْهِ ٱلذِّكْرُ مِنۢ بَيْنِنَا ۖ بَلْ هُمْ فِى شَكٍّ مِّن ذِكْرِى ۖ بَل لَّمَّا يَذُوقُوا۟ عَذَابِ
﴿8﴾ أَمْ عِندَهُمْ خَزَآئِنُ رَحْمَةِ رَبِّكَ ٱلْعَزِيزِ ٱلْوَهَّابِ ﴿9﴾ أَمْ لَهُم
مُّلْكُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَمَا بَيْنَهُمَا ۖ فَلْيَرْتَقُوا۟ فِى ٱلْأَسْبَٰبِ ﴿10﴾
جُندٌ مَّا هُنَالِكَ مَهْزُومٌ مِّنَ ٱلْأَحْزَابِ ﴿11﴾ كَذَّبَتْ قَبْلَهُمْ قَوْمُ
نُوحٍ وَعَادٌ وَفِرْعَوْنُ ذُو ٱلْأَوْتَادِ ﴿12﴾ وَثَمُودُ وَقَوْمُ لُوطٍ وَأَصْحَٰبُ
لْـَٔيْكَةِ ۖ أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلْأَحْزَابُ ﴿13﴾ إِن كُلٌّ إِلَّا كَذَّبَ ٱلرُّسُلَ
فَحَقَّ عِقَابِ ﴿14﴾ وَمَا يَنظُرُ هَٰٓؤُلَآءِ إِلَّا صَيْحَةً وَٰحِدَةً مَّا لَهَا
مِن فَوَاقٍ ﴿15﴾ وَقَالُوا۟ رَبَّنَا عَجِّل لَّنَا قِطَّنَا قَبْلَ يَوْمِ ٱلْحِسَابِ ﴿16﴾

38. *Sūratu Ṣād*

(Suret l-Ittra *Ṣād* – Niżlet f'Mekka bi 88 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Ṣād. (Naħilfu)* fuq il-Qoran, Ktieb it-tifkira, kollu ġieħ u glorja!
2. Iżda dawk li ċaħdu t-twemmin huma mimlija bihom infushom, u jinsabu f'firda *(u jeħduha kontra Alla u l-Mibgħut tiegħu)*.
3. Kemm-il nisel qridna qabilhom! Huma sejħu *(għall-għajnuna)* meta ma kienx il-ħin tal-ħarba.
4. Huma stagħġbu li ġiehom min iwissi minn fosthom. Dawk li ċaħdu t-twemmin qalu: "Dan *(Muħammad)* huwa saħħar giddieb!
5. Jaqaw lill-allat *(tagħna)* għamilhom Alla Wieħed? Din tabilħaqq xi ħaġa ta' l-għaġeb!"
6. Il-kbarat fosthom *(mit-tribù ta' Qurajx)* marru *(jgħidu)*: "Imxu *(kif intom)*, u żommu bis-sabar ma' l-allat tagħkom! Dan *(il-messaġġ ta' Muħammad)* huwa xi ħaġa maħsuba *(kontrikom)*!
7. Ma smajniex b'dan fit-twemmin ta' l-aħħar *(dak ta' l-Insara)*. Dan ma huwiex ħlief ħolqien *(ta' moħħ Muħammad)*!
8. Jaqaw *(dan Muħammad)* tniżżlitlu t-twissija *(il-Qoran)* minn fostna?" Le! Huma jinsabu bejn ħalltejn dwar it-twissija tiegħi. Le! Għadhom sa issa ma daqux il-kastig tiegħi!
9. Jew għandhom il-ħażniet tal-ħniena ta' Sidek *(il-Mulej)*, il-Qawwi, li jagħti b'idejh miftuħin?
10. Jew għandhom is-setgħa tas-smewwiet u l-art, u ta' dak li hemm bejniethom? Mela *(jekk hu hekk)* ħallihom jitilgħu bil-ħbula *(u bil-mezzi kollha li għandhom biex jaslu sas-sema u jibdew imexxu huma)*!
11. Dawk li hemm minn fost il-ġemgħat li ngħaqdu *(kontra Muħammad)* huma xi qawwiet *(dgħajfin)* u meghlubin.
12. Qabilhom nies Noè, Għād u l-Fargħun – dak tas-saltna l-qawwija – giddbu *(lill-Mibgħutin ta' Alla)*,
13. u *(nies)* Ṯāmūd u nies Lot, u nies il-Masġar. Dawk huma l-ġemgħat *(tal-pagani)* li ngħaqdu flimkien *(kontra l-Mibgħutin ta' Alla)*.
14. Kollha kemm huma ma għamlux ħlief giddbu lill-Mibgħutin, u għalhekk il-kastig tiegħi *(lilhom)* kien misthoqq.
15. Dawn ma jistennewx għajr ħoss wieħed, qawwi, li ma jkunx hemm ieħor warajh.
16. Huma jgħidu *(bi ksuħat)*: "Sidna *(il-Mulej)*, għaġġlilna sehemna *(mill-kastig li wegħedt u ġibulna)* qabel Jum il-Kont!"

اصْبِرْ عَلَىٰ مَا يَقُولُونَ وَاذْكُرْ عَبْدَنَا دَاوُودَ ذَا الْأَيْدِ ۖ إِنَّهُ أَوَّابٌ ﴿17﴾
إِنَّا سَخَّرْنَا الْجِبَالَ مَعَهُ يُسَبِّحْنَ بِالْعَشِيِّ وَالْإِشْرَاقِ ﴿18﴾ وَالطَّيْرَ
مَحْشُورَةً ۖ كُلٌّ لَّهُ أَوَّابٌ ﴿19﴾ وَشَدَدْنَا مُلْكَهُ وَآتَيْنَاهُ الْحِكْمَةَ
وَفَصْلَ الْخِطَابِ ﴿20﴾ ۞ وَهَلْ أَتَاكَ نَبَأُ الْخَصْمِ إِذْ تَسَوَّرُوا
الْمِحْرَابَ ﴿21﴾ إِذْ دَخَلُوا عَلَىٰ دَاوُودَ فَفَزِعَ مِنْهُمْ ۖ قَالُوا لَا تَخَفْ ۖ
خَصْمَانِ بَغَىٰ بَعْضُنَا عَلَىٰ بَعْضٍ فَاحْكُمْ بَيْنَنَا بِالْحَقِّ وَلَا تُشْطِطْ
وَاهْدِنَا إِلَىٰ سَوَاءِ الصِّرَاطِ ﴿22﴾ إِنَّ هَٰذَا أَخِي لَهُ تِسْعٌ وَتِسْعُونَ نَعْجَةً
وَلِيَ نَعْجَةٌ وَاحِدَةٌ فَقَالَ أَكْفِلْنِيهَا وَعَزَّنِي فِي الْخِطَابِ ﴿23﴾ قَالَ
لَقَدْ ظَلَمَكَ بِسُؤَالِ نَعْجَتِكَ إِلَىٰ نِعَاجِهِ ۖ وَإِنَّ كَثِيرًا مِّنَ الْخُلَطَاءِ لَيَبْغِي
بَعْضُهُمْ عَلَىٰ بَعْضٍ إِلَّا الَّذِينَ آمَنُوا وَعَمِلُوا الصَّالِحَاتِ وَقَلِيلٌ
مَّا هُمْ ۗ وَظَنَّ دَاوُودُ أَنَّمَا فَتَنَّاهُ فَاسْتَغْفَرَ رَبَّهُ وَخَرَّ رَاكِعًا وَأَنَابَ
﴿24﴾ فَغَفَرْنَا لَهُ ذَٰلِكَ ۖ وَإِنَّ لَهُ عِندَنَا لَزُلْفَىٰ وَحُسْنَ مَآبٍ
﴿25﴾ يَا دَاوُودُ إِنَّا جَعَلْنَاكَ خَلِيفَةً فِي الْأَرْضِ فَاحْكُم بَيْنَ النَّاسِ
بِالْحَقِّ وَلَا تَتَّبِعِ الْهَوَىٰ فَيُضِلَّكَ عَن سَبِيلِ اللَّهِ ۚ إِنَّ الَّذِينَ يَضِلُّونَ
عَن سَبِيلِ اللَّهِ لَهُمْ عَذَابٌ شَدِيدٌ بِمَا نَسُوا يَوْمَ الْحِسَابِ ﴿26﴾

ربع الحزب 46

سجدة

17. Oqgħod b'sabrek *(Muħammad, u tagħtix kas)* ta' dak li *(il-pagani ta' Mekka)* qegħdin jgħidu! Ftakar fil-qaddej tagħna David, dak li kellu l-qawwa: huwa tabilħaqq kien idur dejjem bl-indiema *(lejn Alla u jitolbu maħfra)*.
18. Aħna tabilħaqq ġegħelna lill-iġbla biex, flimkien mieghu *(ma' David)* isebbħu*(na)* filgħaxija u ma' tlugħ ix-xemx,
19. u t-tajr miġbur *(għandu)*. Ilkoll daru lejh *(lejn Alla u tawh qima)*.
20. U qawwejna saltnatu u tajnieh l-għerf u l-kliem sħiħ ta' ġudizzju *(biex jaqta' l-kwistjonijiet)*.
21. Jaqaw ġietek l-aħbar dwar dawk li tlewmu, meta telgħu fuq is-sur tal-kamra tat-talb *(ta' David)*?
22. Meta daħlu fuq David, u *(dan)* beża' minnhom, qalulu: "La tibżax! Aħna tnejn li tlewwimna, u wieħed naqas lejn l-ieħor. Għalhekk iġġudika bejnietna bil-ħaqq, u tkunx inġust. Mexxina lejn triq is-sewwa!
23. Dan huwa ħija. Għandu disgħa u disgħin nagħġa, u jiena għandi nagħġa waħda. Huwa qal*(li)*: 'Ħalliha f'idejja,' u waqqagħni bi kliemu."
24. Qal *(David)*: "Tassew naqas lejk meta talab in-nagħġa tiegħek biex tkun man-nagħaġ tiegħu. Tabilħaqq li ħafna sħab *(fix-xogħol)* jonqsu lejn xulxin, ħlief dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid. U kemm huma ftit!" David intebaħ li konna ġarrabnieh *(meta sema' naħa waħda u ma semax in-naħa l-oħra)* u għalhekk talab maħfra mingħand Sidu *(il-Mulej)*, niżel għarkubbtejh u nidem.
25. U ħfirnielu dak *(in-nuqqas)*. Tabilħaqq għandu qagħda qrib tagħna, u għandu post tajjeb biex imur lura fih!
26. *(Għednielu:)* "Ja David, Aħna għamilniek suċċessur fuq l-art. Mela ġġudika lin-nies bil-ħaqq u la timxix fuq ix-xewqat *(fiergħa)* u jtellfuk it-triq ta' Alla! Tabilħaqq li dawk li jitilfu t-triq ta' Alla għandhom kastig qalil, talli nsew Jum il-Kont!"

وَمَا خَلَقْنَا ٱلسَّمَآءَ وَٱلْأَرْضَ وَمَا بَيْنَهُمَا بَٰطِلًا ۚ ذَٰلِكَ ظَنُّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ ۚ
فَوَيْلٌ لِّلَّذِينَ كَفَرُوا۟ مِنَ ٱلنَّارِ ﴿27﴾ أَمْ نَجْعَلُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟
ٱلصَّٰلِحَٰتِ كَٱلْمُفْسِدِينَ فِى ٱلْأَرْضِ أَمْ نَجْعَلُ ٱلْمُتَّقِينَ كَٱلْفُجَّارِ
﴿28﴾ كِتَٰبٌ أَنزَلْنَٰهُ إِلَيْكَ مُبَٰرَكٌ لِّيَدَّبَّرُوٓا۟ ءَايَٰتِهِۦ وَلِيَتَذَكَّرَ أُو۟لُوا۟
ٱلْأَلْبَٰبِ ﴿29﴾ وَوَهَبْنَا لِدَاوُۥدَ سُلَيْمَٰنَ ۚ نِعْمَ ٱلْعَبْدُ ۖ إِنَّهُۥٓ أَوَّابٌ
﴿30﴾ إِذْ عُرِضَ عَلَيْهِ بِٱلْعَشِىِّ ٱلصَّٰفِنَٰتُ ٱلْجِيَادُ ﴿31﴾ فَقَالَ إِنِّىٓ
أَحْبَبْتُ حُبَّ ٱلْخَيْرِ عَن ذِكْرِ رَبِّى ۖ حَتَّىٰ تَوَارَتْ بِٱلْحِجَابِ ﴿32﴾
رُدُّوهَا عَلَىَّ ۖ فَطَفِقَ مَسْحًۢا بِٱلسُّوقِ وَٱلْأَعْنَاقِ ﴿33﴾ وَلَقَدْ فَتَنَّا
سُلَيْمَٰنَ وَأَلْقَيْنَا عَلَىٰ كُرْسِيِّهِۦ جَسَدًا ثُمَّ أَنَابَ ﴿34﴾ قَالَ رَبِّ ٱغْفِرْ
لِى وَهَبْ لِى مُلْكًا لَّا يَنۢبَغِى لِأَحَدٍ مِّنۢ بَعْدِىٓ ۖ إِنَّكَ أَنتَ ٱلْوَهَّابُ ﴿35﴾
فَسَخَّرْنَا لَهُ ٱلرِّيحَ تَجْرِى بِأَمْرِهِۦ رُخَآءً حَيْثُ أَصَابَ ﴿36﴾ وَٱلشَّيَٰطِينَ
كُلَّ بَنَّآءٍ وَغَوَّاصٍ ﴿37﴾ وَءَاخَرِينَ مُقَرَّنِينَ فِى ٱلْأَصْفَادِ ﴿38﴾ هَٰذَا
عَطَآؤُنَا فَٱمْنُنْ أَوْ أَمْسِكْ بِغَيْرِ حِسَابٍ ﴿39﴾ وَإِنَّ لَهُۥ عِندَنَا لَزُلْفَىٰ وَحُسْنَ
مَـَٔابٍ ﴿40﴾ وَٱذْكُرْ عَبْدَنَآ أَيُّوبَ إِذْ نَادَىٰ رَبَّهُۥٓ أَنِّى مَسَّنِىَ ٱلشَّيْطَٰنُ
بِنُصْبٍ وَعَذَابٍ ﴿41﴾ ٱرْكُضْ بِرِجْلِكَ ۖ هَٰذَا مُغْتَسَلٌۢ بَارِدٌ وَشَرَابٌ ﴿42﴾

27. Ma ħlaqniex għalxejn is-sema, l-art, u dak li jinsab bejniethom. Hekk jaħsbu dawk li ma jemmnux. Ħażin għal dawk li ma jemmnux, minħabba n-Nar.
28. Jaqaw għandna nqisu lil dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid bħal dawk li jagħmlu ħsara fuq l-art, jew inqisu lil dawk li jibżgħu minn Alla *(u jobduh)* bħall-ħżiena?
29. *(Dan hu)* Ktieb imbierek li niżżilnielek biex jixtarru l-versi tiegħu, u biex jiftakru dawk li għandhom id-dehen.
30. Lil David tajna *(iben)*, Salamun. Tassew qaddej tajjeb! Tabilħaqq li kien dejjem idur *(lejna bl-indiema u bil-qima)*!
31. Meta filgħaxija ntwerewlu ż-żwiemel tar-razza, ħfief fil-ġiri,
32. qal: "Jiena ħabbejt il-ġid *(tad-dinja)* aktar milli nsemmi lil Sidi *(u nqimu)*;" sa ma *(ix-xemx)* inħbiet wara l-velu *(tax-xefaq, u Salamun qal:)*
33. "Ġibuhomli lura!" Imbagħad beda jolqtilhom saqajhom u għenuqhom *(biex joqtolhom u jagħtihom ikel lill-fqar)*.
34. Aħna tassew ġarrabna lil Salamun, u fuq it-tron tiegħu xhetna ġisem *(Salamun, marid)*, imbagħad nidem.
35. Qal: "Sidi aħfirli u agħtini saltna li ma jkollu ħadd bħalha warajja! Inti tabilħaqq tagħti b'idejk miftuħin."
36. Għalhekk qegħedna r-riħ taħt idejh, jonfoħ ħafif u b'mod tajjeb, bl-amar tiegħu, fejn ried,
37. u *(qegħedna taħt idejh)* ix-xjaten, kull bennej u għaddas,
38. u *(xjaten)* oħrajn marbutin flimkien bil-ktajjen.
39. *(Għednielu:)* "Din hija l-għotja tagħna! Agħti *(minnha)*, jew żomm*(ha għalik)*, bla *(ma għandek tagħti)* kont!"
40. Tabilħaqq li għandu qagħda qrib tagħna u għandu post tajjeb biex imur lura fih!
41. Ftakar *(Muħammad)* fil-qaddej tagħna Ġob, meta sejjaħ lil Sidu *(il-Mulej u qal:)* "Ix-Xitan qalagħli saram u tbatija!"
42. *(Għednielu:)* "Agħti daqqa b'riġlek *(u ara)*: dan huwa ilma frisk għall-ħasil u għax-xorb. *(Bih tfiq żgur!)*"

وَوَهَبْنَا لَهُۥٓ أَهْلَهُۥ وَمِثْلَهُم مَّعَهُمْ رَحْمَةً مِّنَّا وَذِكْرَىٰ لِأُو۟لِى ٱلْأَلْبَٰبِ
(43) وَخُذْ بِيَدِكَ ضِغْثًا فَٱضْرِب بِّهِۦ وَلَا تَحْنَثْ ۗ إِنَّا وَجَدْنَٰهُ صَابِرًا ۚ
نِّعْمَ ٱلْعَبْدُ ۖ إِنَّهُۥٓ أَوَّابٌ (44) وَٱذْكُرْ عِبَٰدَنَآ إِبْرَٰهِيمَ وَإِسْحَٰقَ وَيَعْقُوبَ
أُو۟لِى ٱلْأَيْدِى وَٱلْأَبْصَٰرِ (45) إِنَّآ أَخْلَصْنَٰهُم بِخَالِصَةٍ ذِكْرَى
ٱلدَّارِ (46) وَإِنَّهُمْ عِندَنَا لَمِنَ ٱلْمُصْطَفَيْنَ ٱلْأَخْيَارِ (47) وَٱذْكُرْ
إِسْمَٰعِيلَ وَٱلْيَسَعَ وَذَا ٱلْكِفْلِ ۖ وَكُلٌّ مِّنَ ٱلْأَخْيَارِ (48) هَٰذَا ذِكْرٌ ۗ
وَإِنَّ لِلْمُتَّقِينَ لَحُسْنَ مَـَٔابٍ (49) جَنَّٰتِ عَدْنٍ مُّفَتَّحَةً لَّهُمُ ٱلْأَبْوَٰبُ
(50) مُتَّكِـِٔينَ فِيهَا يَدْعُونَ فِيهَا بِفَٰكِهَةٍ كَثِيرَةٍ وَشَرَابٍ (51)
وَعِندَهُمْ قَٰصِرَٰتُ ٱلطَّرْفِ أَتْرَابٌ (52) هَٰذَا مَا تُوعَدُونَ لِيَوْمِ
ٱلْحِسَابِ (53) إِنَّ هَٰذَا لَرِزْقُنَا مَا لَهُۥ مِن نَّفَادٍ (54) هَٰذَا ۚ وَإِنَّ
لِلطَّٰغِينَ لَشَرَّ مَـَٔابٍ (55) جَهَنَّمَ يَصْلَوْنَهَا فَبِئْسَ ٱلْمِهَادُ (56) هَٰذَا
فَلْيَذُوقُوهُ حَمِيمٌ وَغَسَّاقٌ (57) وَءَاخَرُ مِن شَكْلِهِۦٓ أَزْوَٰجٌ (58)
هَٰذَا فَوْجٌ مُّقْتَحِمٌ مَّعَكُمْ ۖ لَا مَرْحَبًۢا بِهِمْ ۚ إِنَّهُمْ صَالُوا۟ ٱلنَّارِ (59)
قَالُوا۟ بَلْ أَنتُمْ ۖ لَا مَرْحَبًۢا بِكُمْ ۖ أَنتُمْ قَدَّمْتُمُوهُ لَنَا ۖ فَبِئْسَ ٱلْقَرَارُ (60)
قَالُوا۟ رَبَّنَا مَن قَدَّمَ لَنَا هَٰذَا فَزِدْهُ عَذَابًا ضِعْفًا فِى ٱلنَّارِ (61)

نصف الحزب 46

43. U tajnieh lura l-qraba tiegħu, u daqshom darba oħra, mill-ħniena tagħna, u b'tifkira għal dawk li għandhom id-dehen.
44. *(Għednielu wkoll:)* "Ħu f'idek qatta' qasab irqiq *(mija b'kollox)* u olqot bih *(darba lil martek, kif ħlift)*, u la tiksirx il-ħalfa tiegħek *(li ħlift meta kont marid, li se ssawwatha mitt sawt)*!" Tabilħaqq li sibnieh kollu sabar! Tassew qaddej tajjeb! Tabilħaqq li kien dejjem idur *(lejna bl-indiema u bil-qima)*!
45. Ftakar ukoll *(Muħammad)* fil-qaddejja tagħna Abraham, Iżakk, u Ġakobb – dawk sħaħ fl-idejn u fid-dehen.
46. Aħna tabilħaqq tajniehom privileġġ: li jiftakru fid-Dar *(ta' dejjem)*.
47. Għalina, huma tabilħaqq fost l-aħjar magħżulin.
48. U ftakar f'Ismagħel, f'Eliżew, u f'Dū l-Kifl. Kollha mill-aħjar nies!
49. Din hija tifkira. Tassew li dawk li jibżgħu *(minn Alla)* għandhom imkien tajjeb fejn jerġgħu lura:
50. fil-Ġonna ta' l-Għeden, bil-bwieb miftuħin beraħ għalihom.
51. Fihom ikunu mimdudin fuq ġenbejhom, jitolbu frott kotran u xorb *(kemm iridu)*,
52. u ħdejhom ikollhom nisa *(kollhom safa)*, b'ħarsithom lejhom biss, indaqs fl-għomor.
53. Dan hu li twiegħed lilkom għal Jum il-Kont.
54. Tabilħaqq li dan hu l-ġid tagħna li ma jintemm *(qatt)* -
55. dan *(tħejja għat-tajbin)*! Tassew mill-agħar tkun il-miġja lura tal-ħżiena:
56. l-Infern, fejn jinħarqu. Ta' għajb ikun il-friex *(tagħhom)*!
57. Dan hu *(l-Infern u l-kastig)*! Ħalli jduquh: xorb jagħli u materja tinten *(tnixxi mill-iġsma tal-ħżiena fl-Infern)*,
58. u *(kastigi)* oħra bħalhom.
59. *(Il-mexxejja tal-ħżiena jgħidu lil xulxin:)* Din hija ġemgħa *(ta' nies li intom telliftuhom it-triq u)* li tinsab miexja 'l quddiem magħkom *(lejn l-Infern)*. Ebda merħba *(ma tingħata)* lilha, u tabilħaqq jinħarqu fin-Nar!
60. *(Dawk li mxew wara l-mexxejja tal-ħażen)* jgħidu*(lhom)*: "Le! *(Intom ukoll)* ebda merħba lilkom! Intom li ġibtuna fih *(dan in-Nar, bit-tfixkil tagħkom)*! Ta' għajb il-qagħda fih!"
61. Għad jgħidu *(ukoll)*: "Sidna, lil dak li ġabna għal dan *(it-tmiem mill-agħar)* żidlu bid-doppju l-kastig fin-Nar!"

وَقَالُوا۟ مَا لَنَا لَا نَرَىٰ رِجَالًا كُنَّا نَعُدُّهُم مِّنَ ٱلْأَشْرَارِ ﴿62﴾ أَتَّخَذْنَٰهُمْ
سِخْرِيًّا أَمْ زَاغَتْ عَنْهُمُ ٱلْأَبْصَٰرُ ﴿63﴾ إِنَّ ذَٰلِكَ لَحَقٌّ تَخَاصُمُ أَهْلِ
ٱلنَّارِ ﴿64﴾ قُلْ إِنَّمَآ أَنَا۠ مُنذِرٌ ۖ وَمَا مِنْ إِلَٰهٍ إِلَّا ٱللَّهُ ٱلْوَٰحِدُ ٱلْقَهَّارُ ﴿65﴾
رَبُّ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَمَا بَيْنَهُمَا ٱلْعَزِيزُ ٱلْغَفَّارُ ﴿66﴾ قُلْ هُوَ نَبَؤٌا۟
عَظِيمٌ ﴿67﴾ أَنتُمْ عَنْهُ مُعْرِضُونَ ﴿68﴾ مَا كَانَ لِىَ مِنْ عِلْمٍۭ بِٱلْمَلَإِ ٱلْأَعْلَىٰٓ
إِذْ يَخْتَصِمُونَ ﴿69﴾ إِن يُوحَىٰٓ إِلَىَّ إِلَّآ أَنَّمَآ أَنَا۠ نَذِيرٌ مُّبِينٌ ﴿70﴾ إِذْ قَالَ رَبُّكَ
لِلْمَلَٰٓئِكَةِ إِنِّى خَٰلِقٌۢ بَشَرًا مِّن طِينٍ ﴿71﴾ فَإِذَا سَوَّيْتُهُۥ وَنَفَخْتُ فِيهِ
مِن رُّوحِى فَقَعُوا۟ لَهُۥ سَٰجِدِينَ ﴿72﴾ فَسَجَدَ ٱلْمَلَٰٓئِكَةُ كُلُّهُمْ
أَجْمَعُونَ ﴿73﴾ إِلَّآ إِبْلِيسَ ٱسْتَكْبَرَ وَكَانَ مِنَ ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿74﴾ قَالَ
يَٰٓإِبْلِيسُ مَا مَنَعَكَ أَن تَسْجُدَ لِمَا خَلَقْتُ بِيَدَىَّ ۖ أَسْتَكْبَرْتَ أَمْ كُنتَ
مِنَ ٱلْعَالِينَ ﴿75﴾ قَالَ أَنَا۠ خَيْرٌ مِّنْهُ ۖ خَلَقْتَنِى مِن نَّارٍ وَخَلَقْتَهُۥ مِن طِينٍ
﴿76﴾ قَالَ فَٱخْرُجْ مِنْهَا فَإِنَّكَ رَجِيمٌ ﴿77﴾ وَإِنَّ عَلَيْكَ لَعْنَتِىٓ إِلَىٰ يَوْمِ
ٱلدِّينِ ﴿78﴾ قَالَ رَبِّ فَأَنظِرْنِىٓ إِلَىٰ يَوْمِ يُبْعَثُونَ ﴿79﴾ قَالَ فَإِنَّكَ مِنَ
ٱلْمُنظَرِينَ ﴿80﴾ إِلَىٰ يَوْمِ ٱلْوَقْتِ ٱلْمَعْلُومِ ﴿81﴾ قَالَ فَبِعِزَّتِكَ
لَأُغْوِيَنَّهُمْ أَجْمَعِينَ ﴿82﴾ إِلَّا عِبَادَكَ مِنْهُمُ ٱلْمُخْلَصِينَ ﴿83﴾

62. U *(il-mexxejja tal-ħażen)* jgħidu: "Dan kif m'aħniex naraw l-irġiel *(sħab ta' Muħammad)* li konna nqisuhom fost il-ħżiena?
63. Jaqaw *(lin-nies tat-twemmin)* konna niddieħku bihom *(u għalhekk marru l-Ġenna)*, jew il-ħars *(tagħna)* ma waqax fuqhom *(hawn fl-Infern u m'aħniex narawhom)*?"
64. Tabilħaqq li dan hu minnu: it-tilwim ta' nies in-Nar!
65. Għid *(Muħammad)*: "Jiena biss bniedem li jwissi, u ma hemmx alla ħlief Alla, il-Wieħed, li jegħleb lil kollox u lil kulħadd,
66. Sid is-smewwiet u l-art, u dak li hemm bejniethom, il-Qawwi, li dejjem jaħfer."
67. Għid *(ukoll)*: "Dan *(il-Qoran)* huwa aħbar mill-kbar,
68. u intom twarrbu minnu!
69. Jiena ma għandi ebda għarfien dwar il-kbarat fl-għoli *(l-anġli u Iblis)* meta jitlewmu.
70. Ma jitnebbaħlix ħlief li jiena bniedem li jwissi biċ-ċar!"
71. *(Ftakar, Muħammad)* meta Sidek *(il-Mulej)* qal lill-anġli: "Jiena se noħloq bniedem mit-tafal.
72. Meta nkun sawwartu, u nfaħt fih minn Ruħi, inxteħtu fl-art quddiemu!"
73. L-anġli kollha kemm huma nxteħtu fl-art *(quddiemu)*,
74. ħlief Iblīs *(ix-Xitan)* li tkabbar u kien fost dawk li m'emmnux!
75. Qal *(Alla)*: "Ja Iblīs, x'żammek milli tinxteħet quddiem dak li ħlaqt b'idejja? Jaqaw inti tkabbart, jew inti minn dawk li għolew?"
76. Qal *(ix-Xitan)*: "Jiena aħjar minnu: lili ħlaqtni min-nar u lilu ħlaqtu mit-tafal!"
77. Qal*(lu)*: "Mela oħroġ minnha *(din il-Ġenna)* għaliex inti tabilħaqq mishut!
78. Tabilħaqq li fuqek tkun is-saħta tiegħi sa Jum il-Ġudizzju!"
79. Qal *(ix-Xitan)*: "Agħtini aktar żmien *(u la tikkastiganix)* sa l-Jum *(li fih il-bnedmin)* jitqajmu mill-mewt."
80. Qal *(Alla)*: "Inti tabilħaqq minn dawk li ngħataw iż-żmien,
81. sa jum il-waqt magħruf."
82. Qal *(ix-Xitan)*: "Mela naħlef bil-qawwa tiegħek: se nġarrabhom *(lill-bnedmin)*, ilkoll kemm huma,
83. ħlief lil dawk il-qaddejja fosthom li huma leali *(lejk)*!"

قَالَ فَالْحَقُّ وَالْحَقَّ أَقُولُ ﴿84﴾ لَأَمْلَأَنَّ جَهَنَّمَ مِنكَ وَمِمَّن تَبِعَكَ
مِنْهُمْ أَجْمَعِينَ ﴿85﴾ قُلْ مَا أَسْـَٔلُكُمْ عَلَيْهِ مِنْ أَجْرٍ وَمَا أَنَا مِنَ الْمُتَكَلِّفِينَ
﴿86﴾ إِنْ هُوَ إِلَّا ذِكْرٌ لِّلْعَالَمِينَ ﴿87﴾ وَلَتَعْلَمُنَّ نَبَأَهُۥ بَعْدَ حِينٍ ﴿88﴾

سُورَةُ الزُّمَرِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

تَنزِيلُ الْكِتَٰبِ مِنَ اللَّهِ الْعَزِيزِ الْحَكِيمِ ﴿1﴾ إِنَّآ أَنزَلْنَآ إِلَيْكَ
الْكِتَٰبَ بِالْحَقِّ فَاعْبُدِ اللَّهَ مُخْلِصًا لَّهُ الدِّينَ ﴿2﴾ أَلَا
لِلَّهِ الدِّينُ الْخَالِصُ ۚ وَالَّذِينَ اتَّخَذُوا مِن دُونِهِۦٓ أَوْلِيَآءَ
مَا نَعْبُدُهُمْ إِلَّا لِيُقَرِّبُونَآ إِلَى اللَّهِ زُلْفَىٰٓ إِنَّ اللَّهَ يَحْكُمُ بَيْنَهُمْ
فِى مَا هُمْ فِيهِ يَخْتَلِفُونَ ۗ إِنَّ اللَّهَ لَا يَهْدِى مَنْ هُوَ كَٰذِبٌ
كَفَّارٌ ﴿3﴾ لَّوْ أَرَادَ اللَّهُ أَن يَتَّخِذَ وَلَدًا لَّٱصْطَفَىٰ مِمَّا
يَخْلُقُ مَا يَشَآءُ ۚ سُبْحَٰنَهُۥ ۖ هُوَ اللَّهُ الْوَٰحِدُ الْقَهَّارُ ﴿4﴾
خَلَقَ السَّمَٰوَٰتِ وَالْأَرْضَ بِالْحَقِّ ۖ يُكَوِّرُ الَّيْلَ عَلَى النَّهَارِ
وَيُكَوِّرُ النَّهَارَ عَلَى الَّيْلِ ۖ وَسَخَّرَ الشَّمْسَ وَالْقَمَرَ ۖ
كُلٌّ يَجْرِى لِأَجَلٍ مُّسَمًّى ۗ أَلَا هُوَ الْعَزِيزُ الْغَفَّارُ ﴿5﴾

84. Qal *(Alla)*: "Mela *(dan huwa)* is-sewwa, u Jiena s-sewwa *(biss)* ngħid.
85. Tabilħaqq nimla l-Infern bik u b'dawk minnhom li jimxu warajk, ilkoll kemm huma!"
86. Għid *(Muħammad lill-bnedmin)*: "Tiegħu *(ta' dan il-Qoran)* ma nitlobkomx ħlas, u lanqas jiena minn dawk bi pretensjonijiet żejda!
87. Dan *(il-Qoran)* ma huwiex ħlief tifkira lill-ħolqien,
88. u tassew se tkunu tafu b'aħbaru *(u bil-veritajiet li fih)* fi ftit żmien ieħor!"

39. *Sūratu ż-Żumar*

(Suret il-Ġemgħat – Niżlet f'Mekka b'75 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Tinżil il-Ktieb minn Alla, il-Qawwi, l-Għaref.
2. Tabilħaqq li Aħna niżżilnielek *(Muħammad)* il-Ktieb bis-sewwa. Mela qim lil Alla, u għalih biss oqgħod!
3. Tassew li l-qima u l-qadi kollu jistħoqqu biss lil Alla. Iżda dawk li għażlu lil min iħarishom *(l-allat foloz)* minflok lil Alla, jgħidu: "Aħna ma nagħtuhomx qima ħlief biex iqarrbuna lejn Alla." Tabilħaqq li Alla jagħmel ħaqq minnhom, fuq dak li ma jaqblux dwaru. Alla tabilħaqq ma jurix it-triq lil min hu giddieb, ingrat!
4. Li kieku Alla ried ikollu wild, kien jagħżel li jrid minn dak li joħloq. Sebħ lilu! Huwa Alla, il-Wieħed, li jegħleb lil kollox u lil kulħadd!
5. Huwa ħalaq is-smewwiet u l-art bis-sewwa, iġib il-lejl wara n-nhar, u jġib in-nhar wara l-lejl, u qiegħed ix-xemx u l-qamar taħt is-setgħa tiegħu – kollha jduru sa żmien imsemmi. Huwa tassew il-Qawwi, dejjem jaħfer.

خَلَقَكُم مِّن نَّفْسٍ وَٰحِدَةٍ ثُمَّ جَعَلَ مِنْهَا زَوْجَهَا وَأَنزَلَ لَكُم
مِّنَ ٱلْأَنْعَٰمِ ثَمَٰنِيَةَ أَزْوَٰجٍ يَخْلُقُكُمْ فِى بُطُونِ أُمَّهَٰتِكُمْ
خَلْقًا مِّنۢ بَعْدِ خَلْقٍ فِى ظُلُمَٰتٍ ثَلَٰثٍ ذَٰلِكُمُ ٱللَّهُ رَبُّكُمْ لَهُ
ٱلْمُلْكُ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ فَأَنَّىٰ تُصْرَفُونَ ﴿6﴾ إِن تَكْفُرُوا۟ فَإِنَّ
ٱللَّهَ غَنِىٌّ عَنكُمْ وَلَا يَرْضَىٰ لِعِبَادِهِ ٱلْكُفْرَ وَإِن تَشْكُرُوا۟ يَرْضَهُ
لَكُمْ وَلَا تَزِرُ وَازِرَةٌ وِزْرَ أُخْرَىٰ ثُمَّ إِلَىٰ رَبِّكُم مَّرْجِعُكُمْ
فَيُنَبِّئُكُم بِمَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ إِنَّهُۥ عَلِيمٌۢ بِذَاتِ ٱلصُّدُورِ ﴿7﴾
۞ وَإِذَا مَسَّ ٱلْإِنسَٰنَ ضُرٌّ دَعَا رَبَّهُۥ مُنِيبًا إِلَيْهِ ثُمَّ إِذَا خَوَّلَهُۥ
نِعْمَةً مِّنْهُ نَسِىَ مَا كَانَ يَدْعُوٓا۟ إِلَيْهِ مِن قَبْلُ وَجَعَلَ لِلَّهِ أَندَادًا
لِّيُضِلَّ عَن سَبِيلِهِۦ قُلْ تَمَتَّعْ بِكُفْرِكَ قَلِيلًا إِنَّكَ مِنْ أَصْحَٰبِ
ٱلنَّارِ ﴿8﴾ أَمَّنْ هُوَ قَٰنِتٌ ءَانَآءَ ٱلَّيْلِ سَاجِدًا وَقَآئِمًا يَحْذَرُ
ٱلْءَاخِرَةَ وَيَرْجُوا۟ رَحْمَةَ رَبِّهِۦ قُلْ هَلْ يَسْتَوِى ٱلَّذِينَ يَعْلَمُونَ وَٱلَّذِينَ
لَا يَعْلَمُونَ إِنَّمَا يَتَذَكَّرُ أُو۟لُوا۟ ٱلْأَلْبَٰبِ ﴿9﴾ قُلْ يَٰعِبَادِ ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ ٱتَّقُوا۟ رَبَّكُمْ لِلَّذِينَ أَحْسَنُوا۟ فِى هَٰذِهِ ٱلدُّنْيَا حَسَنَةٌ
وَأَرْضُ ٱللَّهِ وَٰسِعَةٌ إِنَّمَا يُوَفَّى ٱلصَّٰبِرُونَ أَجْرَهُم بِغَيْرِ حِسَابٍ ﴿10﴾

ثلاثة أرباع
الحزب
46

6. Ħalaqkom minn ruħ waħda *(Adam)*, imbagħad minnha għamel lil martu *(Eva)*, u niżżlilkom tmint iżwieġ mill-frat. Huwa joħloqkom fi ġwief ommijietkom, minn ħolqien għal ieħor, fi tliet dalmiet. Dak hu Alla Sidkom! Tiegħu s-saltna! Ma hemmx alla ħliefu! Mela kif twarrbu *(minnu)*?

7. Jekk ma temmnux, tabilħaqq li Alla ma jeħtiġkomx, u ma togħġbux iċ-ċaħda tat-twemmin tal-qaddejja tiegħu. Iżda jekk tiżżu ħajr, jithenna bikom. Dik *(ir-ruħ)* li terfa' t-toqol *(tad-dnub)* ma terfax toqol ta' ruħ oħra. Imbagħad lejn Sidkom *(il-Mulej)* terġgħu lura u jgħarrafkom b'dak li kontu tagħmlu. Huwa tabilħaqq jaf kollox dwar x'hemm fil-qlub.

8. Meta xi deni jolqot lill-bniedem, *(arah)* isejjaħ lil Sidu *(il-Mulej)*, niedem. Imbagħad meta *(il-Mulej)* jagħtih xi grazzja mingħandu, huwa jinsa dak li qabel kien talab għalih, u ma' Alla jagħmel *(allat oħra)* li jħabbtuha miegħu, biex b'hekk itellef lil ħaddieħor it-triq tiegħu *(ta' Alla)*. Għid*(lu, Muħammad, lill-pagan)*: "Gawdi ċ-ċaħda ta' twemminek għal ftit taż-żmien. Inti tabilħaqq minn nies in-Nar!"

9. Jaqaw dak li huwa kollu qima matul il-lejl, mixħut fl-art jew wieqaf *(fit-talb)*, li jibża' mill-Oħra *(mill-Ħajja l-Oħra)* u jittama fil-ħniena ta' Sidu *(il-Mulej, bħal min ma jagħmilx hekk)*? Għid *(Muħammad)*: "Jaqaw huma ndaqs dawk li jafu u dawk li ma jafux?" Iżda huma biss in-nies ta' dehen li jiftakru *(fit-twissija ta' Alla)*.

10. Għid *(Muħammad: "Alla jgħid:)* Ja qaddejja tiegħi li temmnu, ibżgħu minn Sidkom *(il-Mulej, u agħmlu r-rieda tiegħu)*! Għal dawk li jagħmlu t-tajjeb f'din id-dinja, hemm ħlas tajjeb. Art Alla hija wiesgħa! Tabilħaqq li dawk kollhom sabar jingħataw ħlashom, bla qjies!"

قُلْ إِنِّيٓ أُمِرْتُ أَنْ أَعْبُدَ ٱللَّهَ مُخْلِصًا لَّهُ ٱلدِّينَ ﴿11﴾ وَأُمِرْتُ لِأَنْ أَكُونَ
أَوَّلَ ٱلْمُسْلِمِينَ ﴿12﴾ قُلْ إِنِّيٓ أَخَافُ إِنْ عَصَيْتُ رَبِّى عَذَابَ يَوْمٍ عَظِيمٍ
﴿13﴾ قُلِ ٱللَّهَ أَعْبُدُ مُخْلِصًا لَّهُۥ دِينِى ﴿14﴾ فَٱعْبُدُوا۟ مَا شِئْتُم مِّن دُونِهِۦ ۗ
قُلْ إِنَّ ٱلْخَٰسِرِينَ ٱلَّذِينَ خَسِرُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ وَأَهْلِيهِمْ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ ۗ أَلَا
ذَٰلِكَ هُوَ ٱلْخُسْرَانُ ٱلْمُبِينُ ﴿15﴾ لَهُم مِّن فَوْقِهِمْ ظُلَلٌ مِّنَ ٱلنَّارِ
وَمِن تَحْتِهِمْ ظُلَلٌ ۚ ذَٰلِكَ يُخَوِّفُ ٱللَّهُ بِهِۦ عِبَادَهُۥ ۚ يَٰعِبَادِ فَٱتَّقُونِ ﴿16﴾
وَٱلَّذِينَ ٱجْتَنَبُوا۟ ٱلطَّٰغُوتَ أَن يَعْبُدُوهَا وَأَنَابُوٓا۟ إِلَى ٱللَّهِ لَهُمُ ٱلْبُشْرَىٰ ۚ
فَبَشِّرْ عِبَادِ ﴿17﴾ ٱلَّذِينَ يَسْتَمِعُونَ ٱلْقَوْلَ فَيَتَّبِعُونَ أَحْسَنَهُۥ ۚ
أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ هَدَىٰهُمُ ٱللَّهُ ۖ وَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمْ أُو۟لُوا۟ ٱلْأَلْبَٰبِ ﴿18﴾
أَفَمَنْ حَقَّ عَلَيْهِ كَلِمَةُ ٱلْعَذَابِ أَفَأَنتَ تُنقِذُ مَن فِى ٱلنَّارِ ﴿19﴾
لَٰكِنِ ٱلَّذِينَ ٱتَّقَوْا۟ رَبَّهُمْ لَهُمْ غُرَفٌ مِّن فَوْقِهَا غُرَفٌ مَّبْنِيَّةٌ ۖ تَجْرِى
مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ ۖ وَعْدَ ٱللَّهِ ۖ لَا يُخْلِفُ ٱللَّهُ ٱلْمِيعَادَ ﴿20﴾ أَلَمْ تَرَ
أَنَّ ٱللَّهَ أَنزَلَ مِنَ ٱلسَّمَآءِ مَآءً فَسَلَكَهُۥ يَنَٰبِيعَ فِى ٱلْأَرْضِ ثُمَّ
يُخْرِجُ بِهِۦ زَرْعًا مُّخْتَلِفًا أَلْوَٰنُهُۥ ثُمَّ يَهِيجُ فَتَرَىٰهُ مُصْفَرًّا ثُمَّ
يَجْعَلُهُۥ حُطَٰمًا ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَذِكْرَىٰ لِأُو۟لِى ٱلْأَلْبَٰبِ ﴿21﴾

11. Għid *(ukoll Muħammad)*: "Jiena ngħatajt l-amar li nqim lil Alla u noqgħod għalih *(biss)*,
12. u ngħatajt l-amar li nkun l-ewwel fost il-Misilmin *(tan-nazzjon tiegħi)*."
13. Għid *(Muħammad)*: "Jekk ma nobdix lil Sidi *(il-Mulej)*, jiena nibża' mill-kastig ta' Jum tassew kbir!"
14. Għid *(ukoll)*: "Jiena nqim lil Alla u noqgħod għalih biss!
15. Mela qimu li tridu minfloku!" Għid*(ilhom)*: "Tabilħaqq li t-tellifin huma dawk li jitilfu rwieħhom u lil nieshom f'Jum il-Qawmien." Dak huwa tassew it-telfien mill-aktar ċar.
16. Fuqhom ikollhom saffi ta' nar, u taħthom saffi *(oħra)*. B'dan Alla jbeżża' lill-qaddejja tiegħu. *(Huwa jwissihom)*: "Ja qaddejja tiegħi, ibżgħu minni *(u agħmlu r-rieda tiegħi)*!"
17. Dawk li warrbu mill-qima ta' l-allat u daru lejn Alla *(bl-indiema)*, dawk għandhom bxara tajba. Mela agħti *(Muħammad)* il-bxara t-tajba lill-qaddejja tiegħi,
18. dawk li jisimgħu t-taħdit u jimxu fuq l-aħjar li fih. Huma dawk li Alla mexxiehom, u dawk huma n-nies ta' dehen!
19. Mela min jistħoqq is-sentenza tal-kastig *(huwa bħal dak li jqim lil Alla)*? Jaqaw inti *(Muħammad)* tista' teħles li min jinsab fin-Nar?
20. Iżda huma dawk li jibżgħu minn Sidhom *(il-Mulej u jagħmlu r-rieda tiegħu)*, li għandhom għamajjar li fuqhom hemm mibnija għamajjar *(oħra fis-sema)* bix-xmajjar jiġru taħthom. *(Din hija)* il-wegħda ta' Alla, u Alla ma jiksirx il-wegħda!
21. Jaqaw ma tarax li Alla jniżżel ilma mis-sema, imexxih f'għejun fl-art, u mbagħad joħroġ bih uċuħ tar-raba' ta' bosta lwien, imbagħad jidbiel u tarah musfar, imbagħad *(Alla)* inixxfu u jitfarrak? Tabilħaqq li f'dan *(kollu)* hemm tifkira għal dawk li għandhom id-dehen!

أَفَمَن شَرَحَ ٱللَّهُ صَدْرَهُۥ لِلْإِسْلَٰمِ فَهُوَ عَلَىٰ نُورٍ مِّن رَّبِّهِۦ ۚ فَوَيْلٌ
لِّلْقَٰسِيَةِ قُلُوبُهُم مِّن ذِكْرِ ٱللَّهِ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ فِى ضَلَٰلٍ مُّبِينٍ ﴿22﴾
ٱللَّهُ نَزَّلَ أَحْسَنَ ٱلْحَدِيثِ كِتَٰبًا مُّتَشَٰبِهًا مَّثَانِىَ تَقْشَعِرُّ مِنْهُ
جُلُودُ ٱلَّذِينَ يَخْشَوْنَ رَبَّهُمْ ثُمَّ تَلِينُ جُلُودُهُمْ وَقُلُوبُهُمْ
إِلَىٰ ذِكْرِ ٱللَّهِ ۚ ذَٰلِكَ هُدَى ٱللَّهِ يَهْدِى بِهِۦ مَن يَشَآءُ ۚ وَمَن
يُضْلِلِ ٱللَّهُ فَمَا لَهُۥ مِنْ هَادٍ ﴿23﴾ أَفَمَن يَتَّقِى بِوَجْهِهِۦ سُوٓءَ
ٱلْعَذَابِ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ ۚ وَقِيلَ لِلظَّٰلِمِينَ ذُوقُوا۟ مَا كُنتُمْ تَكْسِبُونَ
﴿24﴾ كَذَّبَ ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ فَأَتَىٰهُمُ ٱلْعَذَابُ مِنْ حَيْثُ
لَا يَشْعُرُونَ ﴿25﴾ فَأَذَاقَهُمُ ٱللَّهُ ٱلْخِزْىَ فِى ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا ۖ وَلَعَذَابُ
ٱلْءَاخِرَةِ أَكْبَرُ ۚ لَوْ كَانُوا۟ يَعْلَمُونَ ﴿26﴾ وَلَقَدْ ضَرَبْنَا لِلنَّاسِ فِى
هَٰذَا ٱلْقُرْءَانِ مِن كُلِّ مَثَلٍ لَّعَلَّهُمْ يَتَذَكَّرُونَ ﴿27﴾ قُرْءَانًا عَرَبِيًّا
غَيْرَ ذِى عِوَجٍ لَّعَلَّهُمْ يَتَّقُونَ ﴿28﴾ ضَرَبَ ٱللَّهُ مَثَلًا رَّجُلًا فِيهِ
شُرَكَآءُ مُتَشَٰكِسُونَ وَرَجُلًا سَلَمًا لِّرَجُلٍ هَلْ يَسْتَوِيَانِ مَثَلًا ۚ
ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ ۚ بَلْ أَكْثَرُهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿29﴾ إِنَّكَ مَيِّتٌ وَإِنَّهُم مَّيِّتُونَ
﴿30﴾ ثُمَّ إِنَّكُمْ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ عِندَ رَبِّكُمْ تَخْتَصِمُونَ ﴿31﴾

22. Jaqaw dak li Alla fetaħlu qalbu għall-Islam, u jinsab *(miexi)* fid-dawl ta' Sidu *(il-Mulej, bħal dak li jinsab fid-dlam taċ-ċaħda tat-twemmin)*? Ħażin għal dawk li webbsu qlubhom għat-tifkira *(u għat-twissija)* ta' Alla! Dawk jinsabu f'telfien mill-aktar ċar!

23. Alla niżżel l-aħjar taħdit: Ktieb li jaqbel fih innifsu u mtenni, li bih il-ġilda ta' dawk li jibżgħu minn Sidhom *(il-Mulej)* tqum xewk xewk, imbagħad il-ġilda tagħhom u qlubhom jirtabu bit-tifkira ta' Alla. Dik hija t-tmexxija ta' Alla; biha jmexxi lil min irid. U dak li Alla jtellfu t-triq, ma għandux min imexxih!

24. Mela dak li ma għandux ħlief wiċċu biex iħarsu mill-kruha tal-kastig f'Jum il-Qawmien *(huwa bħal dak li ma għandux dan il-biża')*? U jintqal lill-ħżiena: "Duqu dak li ksibtu *(bl-għemil ħażin tagħkom)*!"

25. Dawk ta' qabilhom *(ukoll)* ċaħdu *(it-twemmin)* u għalhekk ġie fuqhom il-kastig minn fejn ma kinux qegħdin jistennew.

26. Alla dewwaqhom l-għajb fil-ħajja *(f'din)* id-dinja, u tassew li l-kastig ta' *(il-ħajja)* l-Oħra huwa akbar, kieku kienu jafu!

27. F'dan il-Qoran tassew ġibna lin-nies kull għamla ta' tixbiha, biex forsi jiftakru.

28. *(Dan huwa)* Qoran Għarbi, bla tagħwiġ, biex forsi jibżgħu minn Alla *(u joqogħdu għalih)*.

29. Alla jġib tixbiha ta' raġel *(ilsir)* li jaqa' taħt bosta ixirka li jitlewmu bejniethom, u *(tixbiha ta')* raġel *(ilsir ieħor)* li jaqa' taħt raġel wieħed. Jaqaw dawn it-tnejn huma ndaqs fit-tixbiha? Tifħir lil Alla! Iżda ħafna minnhom ma jafux!

30. Tabilħaqq li inti *(Muħammad)* għad tmut *(xi darba jew oħra)*, u tassew li huma għad imutu *(ukoll)*.

31. Imbagħad tabilħaqq li f'Jum il-Qawmien titlewmu bejnietkom *(dwar it-tajjeb u l-ħażin)* quddiem Sidkom *(il-Mulej, li jagħmel ħaqq minnkom)*.

الجزء 24
الحزب 47

۞ فَمَنْ أَظْلَمُ مِمَّن كَذَبَ عَلَى ٱللَّهِ وَكَذَّبَ بِٱلصِّدْقِ
إِذْ جَآءَهُۥٓ ۚ أَلَيْسَ فِى جَهَنَّمَ مَثْوًى لِّلْكَٰفِرِينَ ﴿32﴾ وَٱلَّذِى
جَآءَ بِٱلصِّدْقِ وَصَدَّقَ بِهِۦٓ ۙ أُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْمُتَّقُونَ ﴿33﴾
لَهُم مَّا يَشَآءُونَ عِندَ رَبِّهِمْ ۚ ذَٰلِكَ جَزَٰٓؤُا۟ ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿34﴾
لِيُكَفِّرَ ٱللَّهُ عَنْهُمْ أَسْوَأَ ٱلَّذِى عَمِلُوا۟ وَيَجْزِيَهُمْ أَجْرَهُم
بِأَحْسَنِ ٱلَّذِى كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ ﴿35﴾ أَلَيْسَ ٱللَّهُ بِكَافٍ
عَبْدَهُۥ ۖ وَيُخَوِّفُونَكَ بِٱلَّذِينَ مِن دُونِهِۦ ۚ وَمَن يُضْلِلِ
ٱللَّهُ فَمَا لَهُۥ مِنْ هَادٍ ﴿36﴾ وَمَن يَهْدِ ٱللَّهُ فَمَا لَهُۥ مِن مُّضِلٍّ ۗ
أَلَيْسَ ٱللَّهُ بِعَزِيزٍ ذِى ٱنتِقَامٍ ﴿37﴾ وَلَئِن سَأَلْتَهُم مَّنْ خَلَقَ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ لَيَقُولُنَّ ٱللَّهُ ۚ قُلْ أَفَرَءَيْتُم مَّا تَدْعُونَ
مِن دُونِ ٱللَّهِ إِنْ أَرَادَنِىَ ٱللَّهُ بِضُرٍّ هَلْ هُنَّ كَٰشِفَٰتُ ضُرِّهِۦٓ
أَوْ أَرَادَنِى بِرَحْمَةٍ هَلْ هُنَّ مُمْسِكَٰتُ رَحْمَتِهِۦ ۚ قُلْ حَسْبِىَ
ٱللَّهُ ۖ عَلَيْهِ يَتَوَكَّلُ ٱلْمُتَوَكِّلُونَ ﴿38﴾ قُلْ يَٰقَوْمِ ٱعْمَلُوا۟
عَلَىٰ مَكَانَتِكُمْ إِنِّى عَٰمِلٌ ۖ فَسَوْفَ تَعْلَمُونَ ﴿39﴾
مَن يَأْتِيهِ عَذَابٌ يُخْزِيهِ وَيَحِلُّ عَلَيْهِ عَذَابٌ مُّقِيمٌ ﴿40﴾

32. Mela min hu aktar inġust minn dak li gideb fuq Alla u jiċħad is-sewwa meta jasallu? Jaqaw mhux fl-Infern l-għamara ta' dawk li jiċħdu t-twemmin?
33. U dak li ġie bis-sewwa, u *(dak li)* jemmen fiha, dawk huma l-ġusti li jibżgħu minn Alla.
34. Huma għandhom dak li jixtiequ għand Sidhom. Dak huwa l-ħlas ta' dawk li jagħmlu t-tajjeb,
35. biex Alla jaħfrilhom l-agħar *(għemejjel)* li għamlu u jagħtihom il-ħlas tagħhom ta' l-aħjar *(għemejjel)* li kienu jagħmlu.
36. Jaqaw Alla ma huwiex biżżejjed għall-qaddej tiegħu? Huma tassew ibeżżgħuk *(Muħammad)* b'dawk *(l-allat li huma)* minfloku. Dak li Alla jtelliflu t-triq ma jsibx min imexxih.
37. U dak li Alla juri*(h)* it-triq ma għandux min itellifhielu. Jaqaw Alla ma huwiex qawwi u Sid it-tpattija?
38. U jekk tistaqsihom: "Min ħalaq is-smewwiet u l-art?" huma tassew jgħidu: "Alla." Għid*(ilhom Muħammad)*: "Mela *(la tafu li Alla huwa l-Ħallieq)*, ħabbruni: Dawn *(l-idoli)* li ssejħu minflok Alla, jekk Alla jridli d-deni, jistgħu *(forsi)* ineħħu d-deni tiegħu, jew *(jekk)* iridli l-ħniena, jaqaw jistgħu jżommu l-ħniena tiegħu?" Għid: "Alla huwa biżżejjed għalija! Fih jafdaw dawk li jafdaw."
39. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ja niesi, agħmlu bil-mod tagħkom; jiena nagħmel *(bil-mod tiegħi)*! Se tkunu tafu
40. lil min se jiġih kastig li jkasbru, u jaqa' fuqu kastig dejjiem."

إِنَّآ أَنزَلْنَا عَلَيْكَ ٱلْكِتَٰبَ لِلنَّاسِ بِٱلْحَقِّ ۖ فَمَنِ ٱهْتَدَىٰ
فَلِنَفْسِهِۦ ۖ وَمَن ضَلَّ فَإِنَّمَا يَضِلُّ عَلَيْهَا ۖ وَمَآ أَنتَ عَلَيْهِم
بِوَكِيلٍ ﴿41﴾ ٱللَّهُ يَتَوَفَّى ٱلْأَنفُسَ حِينَ مَوْتِهَا وَٱلَّتِى
لَمْ تَمُتْ فِى مَنَامِهَا ۖ فَيُمْسِكُ ٱلَّتِى قَضَىٰ عَلَيْهَا ٱلْمَوْتَ
وَيُرْسِلُ ٱلْأُخْرَىٰٓ إِلَىٰٓ أَجَلٍ مُّسَمًّى ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَٰتٍ
لِّقَوْمٍ يَتَفَكَّرُونَ ﴿42﴾ أَمِ ٱتَّخَذُوا۟ مِن دُونِ ٱللَّهِ شُفَعَآءَ ۚ
قُلْ أَوَلَوْ كَانُوا۟ لَا يَمْلِكُونَ شَيْـًٔا وَلَا يَعْقِلُونَ ﴿43﴾
قُل لِّلَّهِ ٱلشَّفَٰعَةُ جَمِيعًا ۖ لَّهُۥ مُلْكُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ ثُمَّ
إِلَيْهِ تُرْجَعُونَ ﴿44﴾ وَإِذَا ذُكِرَ ٱللَّهُ وَحْدَهُ ٱشْمَأَزَّتْ
قُلُوبُ ٱلَّذِينَ لَا يُؤْمِنُونَ بِٱلْءَاخِرَةِ ۖ وَإِذَا ذُكِرَ ٱلَّذِينَ مِن
دُونِهِۦٓ إِذَا هُمْ يَسْتَبْشِرُونَ ﴿45﴾ قُلِ ٱللَّهُمَّ فَاطِرَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضِ عَٰلِمَ ٱلْغَيْبِ وَٱلشَّهَٰدَةِ أَنتَ تَحْكُمُ بَيْنَ عِبَادِكَ
فِى مَا كَانُوا۟ فِيهِ يَخْتَلِفُونَ ﴿46﴾ وَلَوْ أَنَّ لِلَّذِينَ ظَلَمُوا۟
مَا فِى ٱلْأَرْضِ جَمِيعًا وَمِثْلَهُۥ مَعَهُۥ لَٱفْتَدَوْا۟ بِهِۦ مِن سُوٓءِ ٱلْعَذَابِ
يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ ۚ وَبَدَا لَهُم مِّنَ ٱللَّهِ مَا لَمْ يَكُونُوا۟ يَحْتَسِبُونَ ﴿47﴾

41. Aħna tabilħaqq niżżilnielek il-Ktieb għan-nies, bis-sewwa. Min jaqbad it-triq it-tajba, *(dan ikun ta' ġid)* għal ruħu, u min jitlef it-triq, lil ruħu jkun tellef. Inti *(Muħammad)* m'intix responsabbli għalihom.

42. Alla jieħu l-erwieħ waqt mewthom, u *(jieħu wkoll l-erwieħ)* li ma mitux fl-irqad tagħhom. Huwa jżomm *(ir-ruħ)* li qatagħhielha għall-mewt, u jibgħat *(lura f'ġisimha r-ruħ)* l-oħra sa żmien imsemmi. F'dan tabilħaqq hawn sinjali għal nies li jixtarru*(hom u jitgħallmu minnhom)*.

43. Jew ħadu *(l-allat)* biex jaqbżu għalihom, minflok Alla? Għid*(ilhom Muħammad)*: "*(Jaqaw tħallu f'idejn l-idoli)* anki jekk dawn ma jistgħu jagħmlu xejn u ma jifhmux?"

44. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ta' Alla hija l-interċessjoni kollha kemm hi; tiegħu hija s-saltna tas-smewwiet u l-art, imbagħad għandu titreġġgħu lura."

45. Meta jissemma Alla waħdu, qlub dawk li ma jemmnux fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)* jimtlew stmerrija, u meta jissemmew dawk *(l-allat foloz)* minfloku, arahom jifirħu.

46. Għid *(Muħammad)*: "O Alla, ħallieq is-smewwiet u l-art, li taf il-mistur u dak li jidher, Inti tagħmel ħaqq mill-qaddejja tiegħek dwar dak li ma kinux jaqblu fuqu."

47. Li kieku l-ħżiena kellhom kulma jinsab fuq l-art, u daqsu miżjud miegħu, kieku kienu jinfdew bih *(u jeħilsu)* mill-agħar kastig f'Jum il-Qawmien. U jidhrilhom, mingħand Alla, dak li huma qatt ma ħasbu.

وَبَدَا لَهُمْ سَيِّـَٔاتُ مَا كَسَبُوا۟ وَحَاقَ بِهِم مَّا كَانُوا۟ بِهِۦ
يَسْتَهْزِءُونَ ﴿48﴾ فَإِذَا مَسَّ ٱلْإِنسَـٰنَ ضُرٌّ دَعَانَا ثُمَّ إِذَا خَوَّلْنَـٰهُ
نِعْمَةً مِّنَّا قَالَ إِنَّمَآ أُوتِيتُهُۥ عَلَىٰ عِلْمٍۭ ۚ بَلْ هِىَ فِتْنَةٌ وَلَـٰكِنَّ
أَكْثَرَهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿49﴾ قَدْ قَالَهَا ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ فَمَآ أَغْنَىٰ
عَنْهُم مَّا كَانُوا۟ يَكْسِبُونَ ﴿50﴾ فَأَصَابَهُمْ سَيِّـَٔاتُ مَا كَسَبُوا۟ ۚ
وَٱلَّذِينَ ظَلَمُوا۟ مِنْ هَـٰٓؤُلَآءِ سَيُصِيبُهُمْ سَيِّـَٔاتُ مَا كَسَبُوا۟ ۚ
وَمَا هُم بِمُعْجِزِينَ ﴿51﴾ أَوَلَمْ يَعْلَمُوٓا۟ أَنَّ ٱللَّهَ يَبْسُطُ ٱلرِّزْقَ
لِمَن يَشَآءُ وَيَقْدِرُ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَـَٔايَـٰتٍ لِّقَوْمٍ يُؤْمِنُونَ ﴿52﴾
ربع الحزب 47
۞ قُلْ يَـٰعِبَادِىَ ٱلَّذِينَ أَسْرَفُوا۟ عَلَىٰٓ أَنفُسِهِمْ لَا تَقْنَطُوا۟ مِن
رَّحْمَةِ ٱللَّهِ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ يَغْفِرُ ٱلذُّنُوبَ جَمِيعًا ۚ إِنَّهُۥ هُوَ ٱلْغَفُورُ ٱلرَّحِيمُ
﴿53﴾ وَأَنِيبُوٓا۟ إِلَىٰ رَبِّكُمْ وَأَسْلِمُوا۟ لَهُۥ مِن قَبْلِ أَن يَأْتِيَكُمُ
ٱلْعَذَابُ ثُمَّ لَا تُنصَرُونَ ﴿54﴾ وَٱتَّبِعُوٓا۟ أَحْسَنَ مَآ أُنزِلَ
إِلَيْكُم مِّن رَّبِّكُم مِّن قَبْلِ أَن يَأْتِيَكُمُ ٱلْعَذَابُ
بَغْتَةً وَأَنتُمْ لَا تَشْعُرُونَ ﴿55﴾ أَن تَقُولَ نَفْسٌ يَـٰحَسْرَتَىٰ
عَلَىٰ مَا فَرَّطتُ فِى جَنۢبِ ٱللَّهِ وَإِن كُنتُ لَمِنَ ٱلسَّـٰخِرِينَ ﴿56﴾

48. Se jidhrilhom il-ħażen ta' dak li għamlu, u jdawwarhom minn kullimkien dak *(il-kastig)* li kienu jkasbru.
49. Meta xi deni jmiss lill-bniedem, huwa jsejħilna, imbagħad meta nagħtuh grazzja mingħandna, huwa jgħid: "Kien biss minħabba xi għarfien *(li jiena għandi)* li ngħatajt il-grazzja." Le, *(mhux minnu)*! Dan huwa tiġrib, iżda ħafna minnhom ma jafux.
50. Dawk ta' qabilhom tassew qaluh *(dan il-kliem)*, iżda dak li kienu kisbu *(b'għemilhom)* ma swielhom *(xejn)*.
51. Għalhekk laqathom il-ħażen ta' dak li kisbu *(b'għemilhom)*, u l-inġusti fost dawn *(il-pagani ta' Qurajx)* se jolqothom il-ħażen ta' dak li kisbu, u ma humiex se jaħarbu *(il-kastig ta' Alla)*.
52. Mela ma jafux li Alla jkattar il-ġid lil min irid, u jnaqqas *(dan il-ġid kif jidhirlu)*? Tabilħaqq li f'dan hemm sinjali għal nies li jemmnu.
53. Għid: "Ja qaddejja tiegħi, li għamlu wisq ħażen kontra rwieħhom, la taqtgħux jieskom mill-ħniena ta' Alla. Alla tabilħaqq jaħfer id-dnubiet kollha! Huwa tassew Kollu Maħfra, Ħanin.
54. Erġgħu lura għand Sidkom u ntelqu f'idejh, qabel ma jiġikom il-kastig! Imbagħad ma tkunux megħjunin.
55. U imxu wara l-aħjar li tniżżel lilkom minn Sidkom, qabel ma jiġikom il-kastig għal għarrieda u intom ma tintebħux,
56. biex xi ruħ ma tgħidx: 'Jaħasra! Kemm inqast lejn Alla! Jiena tabilħaqq kont minn dawk li jwaqqgħu għaċ-ċajt.'

أَوْ تَقُولَ لَوْ أَنَّ ٱللَّهَ هَدَىٰنِى لَكُنتُ مِنَ ٱلْمُتَّقِينَ ﴿57﴾
أَوْ تَقُولَ حِينَ تَرَى ٱلْعَذَابَ لَوْ أَنَّ لِى كَرَّةً فَأَكُونَ
مِنَ ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿58﴾ بَلَىٰ قَدْ جَآءَتْكَ ءَايَٰتِى فَكَذَّبْتَ بِهَا
وَٱسْتَكْبَرْتَ وَكُنتَ مِنَ ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿59﴾ وَيَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ
تَرَى ٱلَّذِينَ كَذَبُوا۟ عَلَى ٱللَّهِ وُجُوهُهُم مُّسْوَدَّةٌ ۚ أَلَيْسَ فِى
جَهَنَّمَ مَثْوًى لِّلْمُتَكَبِّرِينَ ﴿60﴾ وَيُنَجِّى ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ ٱتَّقَوْا۟
بِمَفَازَتِهِمْ لَا يَمَسُّهُمُ ٱلسُّوٓءُ وَلَا هُمْ يَحْزَنُونَ ﴿61﴾ ٱللَّهُ
خَٰلِقُ كُلِّ شَىْءٍ ۖ وَهُوَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ وَكِيلٌ ﴿62﴾ لَّهُۥ مَقَالِيدُ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۗ وَٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ أُو۟لَٰٓئِكَ
هُمُ ٱلْخَٰسِرُونَ ﴿63﴾ قُلْ أَفَغَيْرَ ٱللَّهِ تَأْمُرُوٓنِّىٓ أَعْبُدُ أَيُّهَا
ٱلْجَٰهِلُونَ ﴿64﴾ وَلَقَدْ أُوحِىَ إِلَيْكَ وَإِلَى ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِكَ لَئِنْ
أَشْرَكْتَ لَيَحْبَطَنَّ عَمَلُكَ وَلَتَكُونَنَّ مِنَ ٱلْخَٰسِرِينَ ﴿65﴾ بَلِ ٱللَّهَ
فَٱعْبُدْ وَكُن مِّنَ ٱلشَّٰكِرِينَ ﴿66﴾ وَمَا قَدَرُوا۟ ٱللَّهَ حَقَّ قَدْرِهِۦ
وَٱلْأَرْضُ جَمِيعًا قَبْضَتُهُۥ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ وَٱلسَّمَٰوَٰتُ
مَطْوِيَّٰتٌۢ بِيَمِينِهِۦ ۚ سُبْحَٰنَهُۥ وَتَعَٰلَىٰ عَمَّا يُشْرِكُونَ ﴿67﴾

57. Jew tgħid: 'Li kieku Alla wrieni t-triq, kont inkun mill-ġusti li jibżgħu minn Alla.'
58. Jew tgħid *(xi ruħ)* meta tara l-kastig: 'Kieku nista' nerġa' lura *(fid-dinja)*, kont inkun minn dawk li jagħmlu t-tajjeb.'"
59. Iva! Ġietek ir-Rivelazzjoni tiegħi u inti giddibtha, tkabbart u kont minn dawk bla twemmin.
60. F'Jum il-Qawmien tara lil dawk li gidbu fuq Alla: uċuħhom imsewda. Jaqaw mhux fl-Infern l-għamara ta' l-imkabbrin?
61. Alla jeħles lil dawk li jibżgħu *(minnu)* minħabba r-rebħa tagħhom. La jmisshom ħażen u lanqas jitnikktu.
62. Alla huwa l-Ħallieq ta' kollox, u Huwa jieħu ħsieb kollox.
63. Tiegħu l-imfietaħ tas-smewwiet u ta' l-art, u dawk li ċaħdu r-Rivelazzjoni ta' Alla u s-sinjali tiegħu, dawk huma t-telliefa.
64. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Jaqaw tordnawli nqim lil ħaddieħor minflok Alla, ja nies li ma tafux?"
65. Ġie rivelat lilek u lil dawk qablek: Jekk ixxierek allat *(oħra ma' Alla)*, tassew li jixxejjen għemilek, u tassew tkun mit-tellifin!
66. Le! Lil Alla qim, u kun minn dawk li jiżżu ħajr!
67. Huma ma weġġħux lil Alla kemm jixraqlu, u l-art kollha tkun fil-qabda tiegħu f'Jum il-Qawmien, u s-smewwiet ikunu mitwija f'lemintu. Sebħ lilu! Huwa wisq ogħla minn dak li *(il-pagani)* ixierku miegħu.

وَنُفِخَ فِي ٱلصُّورِ فَصَعِقَ مَن فِي ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَن فِي ٱلْأَرْضِ
إِلَّا مَن شَآءَ ٱللَّهُ ۖ ثُمَّ نُفِخَ فِيهِ أُخْرَىٰ فَإِذَا هُمْ قِيَامٌ يَنظُرُونَ
(68) وَأَشْرَقَتِ ٱلْأَرْضُ بِنُورِ رَبِّهَا وَوُضِعَ ٱلْكِتَٰبُ وَجِاْىٓءَ
بِٱلنَّبِيِّـۧنَ وَٱلشُّهَدَآءِ وَقُضِيَ بَيْنَهُم بِٱلْحَقِّ وَهُمْ لَا يُظْلَمُونَ
(69) وَوُفِّيَتْ كُلُّ نَفْسٍ مَّا عَمِلَتْ وَهُوَ أَعْلَمُ بِمَا يَفْعَلُونَ (70)
وَسِيقَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟ إِلَىٰ جَهَنَّمَ زُمَرًا ۖ حَتَّىٰٓ إِذَا جَآءُوهَا
فُتِحَتْ أَبْوَٰبُهَا وَقَالَ لَهُمْ خَزَنَتُهَآ أَلَمْ يَأْتِكُمْ رُسُلٌ مِّنكُمْ
يَتْلُونَ عَلَيْكُمْ ءَايَٰتِ رَبِّكُمْ وَيُنذِرُونَكُمْ لِقَآءَ يَوْمِكُمْ
هَٰذَا ۚ قَالُوا۟ بَلَىٰ وَلَٰكِنْ حَقَّتْ كَلِمَةُ ٱلْعَذَابِ عَلَى ٱلْكَٰفِرِينَ
(71) قِيلَ ٱدْخُلُوٓا۟ أَبْوَٰبَ جَهَنَّمَ خَٰلِدِينَ فِيهَا ۖ فَبِئْسَ مَثْوَى
ٱلْمُتَكَبِّرِينَ (72) وَسِيقَ ٱلَّذِينَ ٱتَّقَوْا۟ رَبَّهُمْ إِلَى
ٱلْجَنَّةِ زُمَرًا ۖ حَتَّىٰٓ إِذَا جَآءُوهَا وَفُتِحَتْ أَبْوَٰبُهَا وَقَالَ لَهُمْ
خَزَنَتُهَا سَلَٰمٌ عَلَيْكُمْ طِبْتُمْ فَٱدْخُلُوهَا خَٰلِدِينَ (73)
وَقَالُوا۟ ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ ٱلَّذِى صَدَقَنَا وَعْدَهُۥ وَأَوْرَثَنَا ٱلْأَرْضَ
نَتَبَوَّأُ مِنَ ٱلْجَنَّةِ حَيْثُ نَشَآءُ ۖ فَنِعْمَ أَجْرُ ٱلْعَٰمِلِينَ (74)

68. U tindaqq it-trumbetta, u jintilef minn sensih min ikun fis-smewwiet u min ikun fl-art, ħlief dak li Alla jrid *(li ma jiġrilux hekk)*. Imbagħad tindaqq *(darba)* oħra, u arahom iqumu u jħarsu *(biex jaraw x'se jiġri minnhom)*.

69. U l-art tiddi b'dawl Sidha. Jitqiegħed il-Ktieb, jinġiebu l-Profeti u x-xhieda, isir ħaqq minnhom bis-sewwa, u ma ssirx inġustizzja magħhom.

70. Kull ruħ titħallas ta' dak li għamlet, u Huwa jaf l-aktar b'dak li jagħmlu.

71. Dawk li ċaħdu t-twemmin jinsaqu lejn l-Infern f'ġemgħat, u meta jaslu hemm, il-bibien tiegħu jinfetħu u l-għassiesa jgħidu*(lhom)*: "Mela ma ġewkomx Mibgħutin minn fostkom jaqrawlkom il-versi ta' Sidkom u jwissukom dwar il-laqgħa ta' dan il-Jum tagħkom?" Huma jgħidu: "Mela *(ġewna)*!" Imma seħħet il-kelma tal-kastig kontra dawk li ċaħdu t- twemmin.

72. Jintqal*(ilhom)*: "Idħlu bwieb l-Infern, u fih tibqgħu għal dejjem!" Ta' għajb l-għamara ta' dawk li tkabbru.

73. Dawk li kienu jibżgħu minn Sidhom jinsaqu lejn il-Ġenna f'ġemgħat, u meta jaslu hemm, il-bibien tagħha jinfetħu u l-għassiesa jgħidu*(lhom)*: "Sliem għalikom! Għamiltu t-tajjeb. Mela idħlu fiha, u ibqgħu *(fil-Ġenna)* għal dejjem!"

74. Huma jgħidu: "It-tifħir lil Alla li seddaq il-wegħda tiegħu magħna u għamilna werrieta ta' l-art *(tal-Ġenna)*! Aħna noqogħdu fejn irridu fil-Ġenna." Tassew sabiħ il-ħlas tal-ħaddiema *(ta' l-għemejjel it-tajba)*.

وَتَرَى ٱلْمَلَٰٓئِكَةَ حَآفِّينَ مِنْ حَوْلِ ٱلْعَرْشِ يُسَبِّحُونَ بِحَمْدِ
رَبِّهِمْ ۖ وَقُضِىَ بَيْنَهُم بِٱلْحَقِّ وَقِيلَ ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ رَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿75﴾

سُورَةُ غَافِرٍ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

نصف الحزب 47

حمٓ ﴿1﴾ تَنزِيلُ ٱلْكِتَٰبِ مِنَ ٱللَّهِ ٱلْعَزِيزِ ٱلْعَلِيمِ ﴿2﴾ غَافِرِ
ٱلذَّنۢبِ وَقَابِلِ ٱلتَّوْبِ شَدِيدِ ٱلْعِقَابِ ذِى ٱلطَّوْلِ ۖ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ ۖ
إِلَيْهِ ٱلْمَصِيرُ ﴿3﴾ مَا يُجَٰدِلُ فِىٓ ءَايَٰتِ ٱللَّهِ إِلَّا ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟
فَلَا يَغْرُرْكَ تَقَلُّبُهُمْ فِى ٱلْبِلَٰدِ ﴿4﴾ كَذَّبَتْ قَبْلَهُمْ قَوْمُ
نُوحٍ وَٱلْأَحْزَابُ مِنۢ بَعْدِهِمْ ۖ وَهَمَّتْ كُلُّ أُمَّةٍۭ بِرَسُولِهِمْ
لِيَأْخُذُوهُ ۖ وَجَٰدَلُوا۟ بِٱلْبَٰطِلِ لِيُدْحِضُوا۟ بِهِ ٱلْحَقَّ فَأَخَذْتُهُمْ ۖ
فَكَيْفَ كَانَ عِقَابِ ﴿5﴾ وَكَذَٰلِكَ حَقَّتْ كَلِمَتُ رَبِّكَ عَلَى
ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟ أَنَّهُمْ أَصْحَٰبُ ٱلنَّارِ ﴿6﴾ ٱلَّذِينَ يَحْمِلُونَ ٱلْعَرْشَ
وَمَنْ حَوْلَهُۥ يُسَبِّحُونَ بِحَمْدِ رَبِّهِمْ وَيُؤْمِنُونَ بِهِۦ وَيَسْتَغْفِرُونَ
لِلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ رَبَّنَا وَسِعْتَ كُلَّ شَىْءٍ رَّحْمَةً وَعِلْمًا
فَٱغْفِرْ لِلَّذِينَ تَابُوا۟ وَٱتَّبَعُوا۟ سَبِيلَكَ وَقِهِمْ عَذَابَ ٱلْجَحِيمِ ﴿7﴾

75. U tara *(Muħammad)* lill-anġli mdawrin mat-Tron ifaħħru s-sebħ ta' Sidhom, u jsir ħaqq minnhom bis-sewwa. U jintqal: "It-tifħir lil Alla, Sid il-ħolqien!"

40. *Sūratu Ġāfir* (jew *'al-Mu'min*)

(Suret Dak li jaħfer
– *magħrufa wkoll bħala* Suret Dak li emmen –
Niżlet f'Mekka b'85 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Ħā'. Mīm.*
2. Tinżil *(bir-Rivelazzjoni)* tal-Ktieb minn Alla, il-Qawwi, li jaf kollox.
3. Dak li jaħfer id-dnub, jilqa' l-indiema, Qalil fil-kastig, u l-Ġeneruż. Ma hemmx alla ħliefu, u lejh it-tmiem.
4. Ma jħaqquhiex dwar is-sinjali *(u r-Rivelazzjoni)* ta' Alla għajr dawk bla twemmin. Għalhekk ma għandhomx iqarrqu bik *(Muħammad, u b'kulmin jimxi warajk)* il-ġid u s-setgħa tagħhom *(li jgawdu)* fil-pajjiżi.
5. Qabilhom *(nies Mekka)*, nies Noè *(ukoll)* giddbu *(lill-Mibgħutin)*, u l-ġemgħat ta' warajhom *(għamlu bħalhom)*. U kull ġens nassas kontra l-Profeta tiegħu biex jaqbdu *(u joqtlu)*. Huma ħaqquha bil-gideb biex bih *(mingħalihom)* ixejnu s-sewwa. Għalhekk qbadthom, u kemm kien *(tal-biża')* il-kastig tiegħi!
6. B'hekk seħħet kelmet Sidek kontra dawk li ċaħdu t-twemmin, li huma nies in-Nar!
7. Dawk *(l-anġli)* li jġorru t-Tron, u dawk *(l-anġli)* madwaru li jfaħħru s-sebħ ta' Sidhom, jemmnu fih u jitolbu l-maħfra għal dawk li emmnu *(u jgħidu hekk)*: "Sidna, Inti tesa' kollox fil-ħniena u fl-għerf *(tiegħek)*. Mela aħfer lil dawk li nidmu u mxew fi triqtek, u ħarishom mill-kastig ta' l-Infern.

رَبَّنَا وَأَدْخِلْهُمْ جَنَّٰتِ عَدْنٍ ٱلَّتِى وَعَدتَّهُمْ وَمَن صَلَحَ
مِنْ ءَابَآئِهِمْ وَأَزْوَٰجِهِمْ وَذُرِّيَّٰتِهِمْ ۚ إِنَّكَ أَنتَ ٱلْعَزِيزُ
ٱلْحَكِيمُ ﴿8﴾ وَقِهِمُ ٱلسَّيِّـَٔاتِ ۚ وَمَن تَقِ ٱلسَّيِّـَٔاتِ
يَوْمَئِذٍ فَقَدْ رَحِمْتَهُۥ ۚ وَذَٰلِكَ هُوَ ٱلْفَوْزُ ٱلْعَظِيمُ ﴿9﴾ إِنَّ
ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ يُنَادَوْنَ لَمَقْتُ ٱللَّهِ أَكْبَرُ مِن مَّقْتِكُمْ
أَنفُسَكُمْ إِذْ تُدْعَوْنَ إِلَى ٱلْإِيمَٰنِ فَتَكْفُرُونَ ﴿10﴾
قَالُوا۟ رَبَّنَآ أَمَتَّنَا ٱثْنَتَيْنِ وَأَحْيَيْتَنَا ٱثْنَتَيْنِ فَٱعْتَرَفْنَا بِذُنُوبِنَا
فَهَلْ إِلَىٰ خُرُوجٍ مِّن سَبِيلٍ ﴿11﴾ ذَٰلِكُم بِأَنَّهُۥٓ إِذَا دُعِىَ
ٱللَّهُ وَحْدَهُۥ كَفَرْتُمْ ۖ وَإِن يُشْرَكْ بِهِۦ تُؤْمِنُوا۟ ۚ فَٱلْحُكْمُ لِلَّهِ
ٱلْعَلِىِّ ٱلْكَبِيرِ ﴿12﴾ هُوَ ٱلَّذِى يُرِيكُمْ ءَايَٰتِهِۦ وَيُنَزِّلُ
لَكُم مِّنَ ٱلسَّمَآءِ رِزْقًا ۚ وَمَا يَتَذَكَّرُ إِلَّا مَن يُنِيبُ ﴿13﴾
فَٱدْعُوا۟ ٱللَّهَ مُخْلِصِينَ لَهُ ٱلدِّينَ وَلَوْ كَرِهَ ٱلْكَٰفِرُونَ ﴿14﴾
رَفِيعُ ٱلدَّرَجَٰتِ ذُو ٱلْعَرْشِ يُلْقِى ٱلرُّوحَ مِنْ أَمْرِهِۦ عَلَىٰ مَن
يَشَآءُ مِنْ عِبَادِهِۦ لِيُنذِرَ يَوْمَ ٱلتَّلَاقِ ﴿15﴾ يَوْمَ هُم بَٰرِزُونَ ۖ لَا يَخْفَىٰ
عَلَى ٱللَّهِ مِنْهُمْ شَىْءٌ ۗ لِّمَنِ ٱلْمُلْكُ ٱلْيَوْمَ ۖ لِلَّهِ ٱلْوَٰحِدِ ٱلْقَهَّارِ ﴿16﴾

8. Sidna, daħħalhom fil-Ġonna ta' l-Għeden li wegħedthom u *(daħħal magħhom)* lil dawk li għamlu l-ġid fost missirijiethom, in-nisa tagħhom u nisilhom. Inti tabilħaqq il-Qawwi, l-Għaref.
9. U ħarishom mill-għemejjel ħżiena; u lil min tħares mill-għemejjel ħżiena, dakinhar Inti tkun ħennejt għalih. Dik hija l-akbar rebħa!"
10. Tabilħaqq li dawk bla twemmin jissejħu *(u jingħad lilhom)*: "Tassew li l-mibegħda ta' Alla *(lejkom)* hija akbar mill-mibegħda tagħkom lejkom infuskom, meta kontu tissejħu lejn it-twemmin, u m'emmintux!"
11. Huma jgħidu: "Sidna, bgħattilna l-mewt darbtejn *(darba meta konna għadna ma nħlaqniex, u darba oħra meta mitna fid-dinja)*, u tajtna l-ħajja darbtejn *(darba meta ħlaqtna fid-dinja u mbagħad meta qajjimtna f'Jum il-Qawmien)*. Għarafna *(issa)* dnubietna. Hemm *(forsi)* xi triq ta' ħruġ *(minn dan l-Infern)*?"
12. Dak *(il-kastig ħadtuh)* għaliex meta ssejjaħ Alla, waħdu, intom m'emmintux, u meta kien imsieħeb *(ma' allat oħra)*, emmintu. Id-deċiżjoni hija ta' Alla l-Wisq Għoli, il-Kbir.
13. Huwa li jurikom is-sinjali tiegħu, u jniżżlilkom mis-sema l-għajxien *(tagħkom)*. Iżda ma jiftakarx *(dan kollu u jitgħallem minnu)* ħlief dak li jdur *(lejn Alla)* bl-indiema.
14. Mela sejħu lil Alla u oqogħdu biss għad-din tiegħu, anki jekk dawk bla twemmin joboġħdu *(din il-ħaġa)*.
15. Fil-għoli l-qagħda tiegħu, Sid it-Tron. Huwa jibgħat ir-ruħ *(l-anġlu Gabrijel)* bl-amar tiegħu fuq min irid mill-qaddejja tiegħu, biex iwissi *(lill-bnedmin)* b'Jum il-laqgħa *(ma' Alla)*.
16. Fil-Jum meta joħorġu *(mill-oqbra)* u jidhru *(quddiem Alla)*, xejn ma jkun moħbi minn Alla dwarhom. Ta' min hi s-saltna llum? Ta' Alla, il-Wieħed, li jegħleb lil kollox u lil kulħadd.

ٱلْيَوْمَ تُجْزَىٰ كُلُّ نَفْسٍۭ بِمَا كَسَبَتْ ۚ لَا ظُلْمَ ٱلْيَوْمَ ۚ إِنَّ
ٱللَّهَ سَرِيعُ ٱلْحِسَابِ ﴿17﴾ وَأَنذِرْهُمْ يَوْمَ ٱلْآزِفَةِ إِذِ ٱلْقُلُوبُ
لَدَى ٱلْحَنَاجِرِ كَٰظِمِينَ ۚ مَا لِلظَّٰلِمِينَ مِنْ حَمِيمٍ وَلَا شَفِيعٍ
يُطَاعُ ﴿18﴾ يَعْلَمُ خَآئِنَةَ ٱلْأَعْيُنِ وَمَا تُخْفِى ٱلصُّدُورُ ﴿19﴾
وَٱللَّهُ يَقْضِى بِٱلْحَقِّ ۖ وَٱلَّذِينَ يَدْعُونَ مِن دُونِهِۦ لَا يَقْضُونَ
بِشَىْءٍ ۗ إِنَّ ٱللَّهَ هُوَ ٱلسَّمِيعُ ٱلْبَصِيرُ ﴿20﴾ ۞ أَوَلَمْ يَسِيرُوا۟ فِى
ٱلْأَرْضِ فَيَنظُرُوا۟ كَيْفَ كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلَّذِينَ كَانُوا۟ مِن قَبْلِهِمْ ۚ
كَانُوا۟ هُمْ أَشَدَّ مِنْهُمْ قُوَّةً وَءَاثَارًا فِى ٱلْأَرْضِ فَأَخَذَهُمُ ٱللَّهُ
بِذُنُوبِهِمْ وَمَا كَانَ لَهُم مِّنَ ٱللَّهِ مِن وَاقٍ ﴿21﴾ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمْ
كَانَت تَّأْتِيهِمْ رُسُلُهُم بِٱلْبَيِّنَٰتِ فَكَفَرُوا۟ فَأَخَذَهُمُ ٱللَّهُ ۚ إِنَّهُۥ
قَوِىٌّ شَدِيدُ ٱلْعِقَابِ ﴿22﴾ وَلَقَدْ أَرْسَلْنَا مُوسَىٰ بِـَٔايَٰتِنَا
وَسُلْطَٰنٍ مُّبِينٍ ﴿23﴾ إِلَىٰ فِرْعَوْنَ وَهَٰمَٰنَ وَقَٰرُونَ
فَقَالُوا۟ سَٰحِرٌ كَذَّابٌ ﴿24﴾ فَلَمَّا جَآءَهُم بِٱلْحَقِّ مِنْ
عِندِنَا قَالُوا۟ ٱقْتُلُوٓا۟ أَبْنَآءَ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ مَعَهُۥ وَٱسْتَحْيُوا۟
نِسَآءَهُمْ ۚ وَمَا كَيْدُ ٱلْكَٰفِرِينَ إِلَّا فِى ضَلَٰلٍ ﴿25﴾

ثلاثة أرباع الحزب 47

17. Illum kull ruħ titħallas ta' dak li kisbet. Ebda inġustizzja *(ma ssir)* illum! Tabilħaqq li Alla malajr jagħmel il-kontijiet.
18. Wissihom *(Muħammad)* bil-Jum *(tal-kastig)* li riesaq, meta l-qlub *(imwerwra jitilgħu)* sal-grieżem fil-hemm kbir tagħhom! Il-ħżiena ma jkollhom la ħabib tal-qalb u lanqas interċessur li jkun mismugħ.
19. *(Alla)* jaf l-għajnejn li jħarsu bis-serqa *(lejn dak li ma huwiex xieraq)* u dak li jaħbu l-qlub.
20. Alla jagħmel ħaqq bis-sewwa, iżda dawk *(l-allat)* li huma jsejħu minfloku ma jagħmlu ħaqq minn xejn. Alla tabilħaqq jisma' kollox u jara kollox.
21. Mela ma terrqux fl-art u ma rawx kif kien it-tmiem *(tal-biża')* ta' dawk li kienu qabilhom? Huma kienu akbar minnhom fil-qawwa u fil-fdalijiet *(li ħallew warajhom)* fuq l-art *(taċ-ċiviltà tagħhom)*. Alla ħadhom *(għal għarrieda)* bi dnubiethom, u ma kellhomx min iħarishom minn Alla.
22. Dak minħabba li kienu jiġuhom il-Mibgħutin tagħhom bis-sinjali ċ-ċari, iżda huma m'emmnux. Għalhekk Alla ħadhom *(għal għarrieda)*. Huwa tabilħaqq Qawwi, Qalil fil-kastig.
23. Aħna tassew bgħatna lil Mosè bis-sinjali tagħna u bi prova ċara
24. għand il-Fargħun, għand Hāmān *(il-ministru tiegħu)* u għand Qārūn *(it-teżorier tiegħu)*, u qalu: "Saħħar giddieb *(dan Mosè)*!"
25. U meta ġiehom bis-sewwa mingħandna, qalu: "Oqtlu wlied dawk li emmnu miegħu *(ma' Mosè)*, u ħallu lin-nisa tagħhom jgħixu!" It-tnassis ta' dawk li ma għandhomx twemmin ma huwiex ħlief f'telfien.

وَقَالَ فِرْعَوْنُ ذَرُونِيٓ أَقْتُلْ مُوسَىٰ وَلْيَدْعُ رَبَّهُۥٓ ۖ إِنِّيٓ أَخَافُ
أَن يُبَدِّلَ دِينَكُمْ أَوْ أَن يُظْهِرَ فِى ٱلْأَرْضِ ٱلْفَسَادَ ﴿26﴾
وَقَالَ مُوسَىٰٓ إِنِّى عُذْتُ بِرَبِّى وَرَبِّكُم مِّن كُلِّ مُتَكَبِّرٍ
لَّا يُؤْمِنُ بِيَوْمِ ٱلْحِسَابِ ﴿27﴾ وَقَالَ رَجُلٌ مُّؤْمِنٌ مِّنْ ءَالِ
فِرْعَوْنَ يَكْتُمُ إِيمَٰنَهُۥٓ أَتَقْتُلُونَ رَجُلًا أَن يَقُولَ رَبِّىَ
ٱللَّهُ وَقَدْ جَآءَكُم بِٱلْبَيِّنَٰتِ مِن رَّبِّكُمْ ۖ وَإِن يَكُ كَٰذِبًا
فَعَلَيْهِ كَذِبُهُۥ ۖ وَإِن يَكُ صَادِقًا يُصِبْكُم بَعْضُ ٱلَّذِى
يَعِدُكُمْ ۖ إِنَّ ٱللَّهَ لَا يَهْدِى مَنْ هُوَ مُسْرِفٌ كَذَّابٌ ﴿28﴾ يَٰقَوْمِ
لَكُمُ ٱلْمُلْكُ ٱلْيَوْمَ ظَٰهِرِينَ فِى ٱلْأَرْضِ فَمَن يَنصُرُنَا مِنۢ
بَأْسِ ٱللَّهِ إِن جَآءَنَا ۚ قَالَ فِرْعَوْنُ مَآ أُرِيكُمْ إِلَّا مَآ أَرَىٰ وَمَآ
أَهْدِيكُمْ إِلَّا سَبِيلَ ٱلرَّشَادِ ﴿29﴾ وَقَالَ ٱلَّذِىٓ ءَامَنَ يَٰقَوْمِ إِنِّىٓ
أَخَافُ عَلَيْكُم مِّثْلَ يَوْمِ ٱلْأَحْزَابِ ﴿30﴾ مِثْلَ دَأْبِ قَوْمِ نُوحٍ
وَعَادٍ وَثَمُودَ وَٱلَّذِينَ مِنۢ بَعْدِهِمْ ۚ وَمَا ٱللَّهُ يُرِيدُ ظُلْمًا لِّلْعِبَادِ ﴿31﴾
وَيَٰقَوْمِ إِنِّىٓ أَخَافُ عَلَيْكُمْ يَوْمَ ٱلتَّنَادِ ﴿32﴾ يَوْمَ تُوَلُّونَ مُدْبِرِينَ
مَا لَكُم مِّنَ ٱللَّهِ مِنْ عَاصِمٍ ۗ وَمَن يُضْلِلِ ٱللَّهُ فَمَا لَهُۥ مِنْ هَادٍ ﴿33﴾

26. Qal il-Fargħun: "Ħalluni noqtol lil Mosè, u ħalli jsejjaħ lil Sidu! Jiena nibża' li jbiddel ir-reliġjon tagħkom, jew li jġib il-ħsara fl-art."
27. Qal Mosè: "Jiena nistkenn f'Sidi u f'Sidkom minn kull imkabbar li ma jemminx f'Jum il-Kont."
28. Raġel li jemmen, minn nies il-Fargħun, u li kien jaħbi twemminu, qal: "Jaqaw toqtlu raġel għaliex qal: 'Alla huwa Sidi,' meta dan ġabilkom is-sinjali ċ-ċari minn Sidkom? Jekk huwa giddieb, il-gideb tiegħu jkun kontrih, u jekk qiegħed jgħid is-sewwa, se jmisskom minn dak li qiegħed iwegħedkom *(il-kastig)*. Tabilħaqq li Alla ma jurix it-triq lil min hu ħati ħafna u giddieb.
29. Ja niesi, tagħkom hija s-saltna llum, u intom minn ta' quddiem fl-art, iżda min jgħinna *(u jeħlisna)* mill-qilla ta' Alla jekk tiġina?" Il-Fargħun qal: "Ma nurikomx għajr dak li qiegħed nara, u ma mmexxikomx ħlief fit-triq it-tajba."
30. Dak *(l-Eġizzjan)* li emmen qal: "Ja niesi, jiena tassew nibża' li jiġrilkom bħal *(dak li ġara)* f'jum il-ġemgħat,
31. bħalma ġara lil nies Noè, Għād, Ṯamūd, u dawk ta' warajhom. Alla ma jridx inġustizzja lill-qaddejja *(tiegħu)*.
32. Ja niesi, jiena tassew nibża', għalikom, minn Jum li fih issejħu lil xulxin,
33. Jum li fih tagħtu daharkom u titilqu 'l hemm. *(Dakinhar)* ma jkollkomx min iħariskom minn Alla. U dak li Alla jtellfu t-triq, ma jsibx min imexxih."

وَلَقَدْ جَآءَكُمْ يُوسُفُ مِن قَبْلُ بِٱلْبَيِّنَٰتِ فَمَا زِلْتُمْ فِى شَكٍّ
مِّمَّا جَآءَكُم بِهِۦ ۖ حَتَّىٰٓ إِذَا هَلَكَ قُلْتُمْ لَن يَبْعَثَ ٱللَّهُ
مِنۢ بَعْدِهِۦ رَسُولًا ۚ كَذَٰلِكَ يُضِلُّ ٱللَّهُ مَنْ هُوَ مُسْرِفٌ
مُّرْتَابٌ ﴿34﴾ ٱلَّذِينَ يُجَٰدِلُونَ فِىٓ ءَايَٰتِ ٱللَّهِ بِغَيْرِ سُلْطَٰنٍ
أَتَىٰهُمْ ۖ كَبُرَ مَقْتًا عِندَ ٱللَّهِ وَعِندَ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ۚ كَذَٰلِكَ
يَطْبَعُ ٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ قَلْبِ مُتَكَبِّرٍ جَبَّارٍ ﴿35﴾ وَقَالَ فِرْعَوْنُ
يَٰهَٰمَٰنُ ٱبْنِ لِى صَرْحًا لَّعَلِّىٓ أَبْلُغُ ٱلْأَسْبَٰبَ ﴿36﴾ أَسْبَٰبَ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ فَأَطَّلِعَ إِلَىٰٓ إِلَٰهِ مُوسَىٰ وَإِنِّى لَأَظُنُّهُۥ كَٰذِبًا ۚ
وَكَذَٰلِكَ زُيِّنَ لِفِرْعَوْنَ سُوٓءُ عَمَلِهِۦ وَصُدَّ عَنِ ٱلسَّبِيلِ ۚ
وَمَا كَيْدُ فِرْعَوْنَ إِلَّا فِى تَبَابٍ ﴿37﴾ وَقَالَ ٱلَّذِىٓ
ءَامَنَ يَٰقَوْمِ ٱتَّبِعُونِ أَهْدِكُمْ سَبِيلَ ٱلرَّشَادِ ﴿38﴾
يَٰقَوْمِ إِنَّمَا هَٰذِهِ ٱلْحَيَوٰةُ ٱلدُّنْيَا مَتَٰعٌ وَإِنَّ ٱلْءَاخِرَةَ هِىَ
دَارُ ٱلْقَرَارِ ﴿39﴾ مَنْ عَمِلَ سَيِّئَةً فَلَا يُجْزَىٰٓ إِلَّا مِثْلَهَا ۖ
وَمَنْ عَمِلَ صَٰلِحًا مِّن ذَكَرٍ أَوْ أُنثَىٰ وَهُوَ مُؤْمِنٌ
فَأُو۟لَٰٓئِكَ يَدْخُلُونَ ٱلْجَنَّةَ يُرْزَقُونَ فِيهَا بِغَيْرِ حِسَابٍ ﴿40﴾

34. Qabel, Ġużeppi tassew ġiekom bis-sinjali ċ-ċari, u bqajtu bejn ħalltejn dwar dak li ġabilkom. U meta miet, għedtu: "Alla ma huwiex se jibgħat Mibgħut warajh." Hekk Alla jtellef it-triq ta' min huwa ħati wisq u kollu dubji;
35. dawk li jħaqquha dwar ir-Rivelazzjoni ta' Alla mingħajr ma ġiethom ebda prova *(ta' dak li qegħdin jgħidu)*. Dan *(l-għemil)* kiber fl-istmerrija ta' Alla u ta' dawk li jemmnu. Hekk Alla jissiġilla kull qalb ta' min hu mkabbar u arroganti.
36. U l-Fargħun qal *(lill-ministru tiegħu)*: "Ja Hāmān, ibnili torri biex forsi nilħaq il-mogħdijiet,
37. il-mogħdijiet tas-smewwiet, biex insir naf lil Alla ta' Mosè; għaliex jiena naħseb li huwa *(Mosè)* giddieb!" Għalhekk deherlu sabiħ, lill-Fargħun, il-ħażen ta' għemilu, u nżamm mit-triq *(it-tajba)*. Il-qerq tal-Fargħun ma ġiex ħlief fix-xejn!
38. Dak *(l-Eġizzjan)* li emmen qal: "Ja niesi, imxu warajja, u nurikom it-triq it-tajba!
39. Ja niesi, il-ħajja f'din id-dinja hija biss tgawdija *(għal xi żmien)*, u tabilħaqq li *(il-Ħajja)* l-Oħra hija d-Dar għal dejjem.
40. Min jagħmel ħaġa ħażina, ma jitħallasx ħlief b'għemil ħażin bħalha, u min jagħmel il-ġid, raġel jew mara, u jemmen, *(nies bħal)* dawk jidħlu l-Ġenna u fiha jingħataw ġid bla qjies.

الحزب 48

۞ وَيَٰقَوْمِ مَا لِيٓ أَدْعُوكُمْ إِلَى ٱلنَّجَوٰةِ وَتَدْعُونَنِىٓ إِلَى
ٱلنَّارِ ﴿41﴾ تَدْعُونَنِى لِأَكْفُرَ بِٱللَّهِ وَأُشْرِكَ بِهِۦ مَا لَيْسَ
لِى بِهِۦ عِلْمٌ وَأَنَا۠ أَدْعُوكُمْ إِلَى ٱلْعَزِيزِ ٱلْغَفَّٰرِ ﴿42﴾ لَا جَرَمَ
أَنَّمَا تَدْعُونَنِىٓ إِلَيْهِ لَيْسَ لَهُۥ دَعْوَةٌ فِى ٱلدُّنْيَا وَلَا فِى ٱلْءَاخِرَةِ
وَأَنَّ مَرَدَّنَآ إِلَى ٱللَّهِ وَأَنَّ ٱلْمُسْرِفِينَ هُمْ أَصْحَٰبُ ٱلنَّارِ
﴿43﴾ فَسَتَذْكُرُونَ مَآ أَقُولُ لَكُمْ ۚ وَأُفَوِّضُ أَمْرِىٓ إِلَى
ٱللَّهِ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ بَصِيرٌۢ بِٱلْعِبَادِ ﴿44﴾ فَوَقَىٰهُ ٱللَّهُ سَيِّـَٔاتِ
مَا مَكَرُوا۟ وَحَاقَ بِـَٔالِ فِرْعَوْنَ سُوٓءُ ٱلْعَذَابِ ﴿45﴾ ٱلنَّارُ
يُعْرَضُونَ عَلَيْهَا غُدُوًّا وَعَشِيًّا ۚ وَيَوْمَ تَقُومُ ٱلسَّاعَةُ أَدْخِلُوٓا۟
ءَالَ فِرْعَوْنَ أَشَدَّ ٱلْعَذَابِ ﴿46﴾ وَإِذْ يَتَحَآجُّونَ فِى
ٱلنَّارِ فَيَقُولُ ٱلضُّعَفَٰٓؤُا۟ لِلَّذِينَ ٱسْتَكْبَرُوٓا۟ إِنَّا كُنَّا
لَكُمْ تَبَعًا فَهَلْ أَنتُم مُّغْنُونَ عَنَّا نَصِيبًا مِّنَ ٱلنَّارِ
﴿47﴾ قَالَ ٱلَّذِينَ ٱسْتَكْبَرُوٓا۟ إِنَّا كُلٌّ فِيهَآ إِنَّ ٱللَّهَ
قَدْ حَكَمَ بَيْنَ ٱلْعِبَادِ ﴿48﴾ وَقَالَ ٱلَّذِينَ فِى ٱلنَّارِ لِخَزَنَةِ
جَهَنَّمَ ٱدْعُوا۟ رَبَّكُمْ يُخَفِّفْ عَنَّا يَوْمًا مِّنَ ٱلْعَذَابِ ﴿49﴾

41. Ja niesi, dan kif qiegħed insejħilkom għas-salvazzjoni, u intom issejħuli għan-Nar?
42. Intom issejħuli biex niċħad lil Alla u biex inxierek miegħu dak li ma għandix għarfien dwaru, filwaqt li jiena nsejħilkom lejn *(Alla)* il-Qawwi, li dejjem jaħfer.
43. Ma hemmx dubju li dak li qegħdin issejħuli għalih *(l-idoli u l-allat foloz)* ma għandux ikun imsejjaħ la f'*(din)* id-dinja u lanqas fl-Oħra. U lejn Alla mmorru lura, u dawk li għamlu wisq ħażen huma nies in-Nar.
44. Se tiftakru dak li qiegħed ngħidilkom! Jiena nħalli l-kwistjoni tiegħi f'idejn Alla. Alla tabilħaqq jara sew il-qaddejja tiegħu."
45. Alla ħarsu *(lill-Eġizzjan)* mill-ħażen tal-qerq tagħhom, u l-ħażen tal-kastig dawwar lil nies il-Fargħun minn kullimkien.
46. Huma jinġiebu quddiem in-Nar filgħaxija u filgħodu, u fil-Jum li tasal is-Siegħa *(tinstema' l-kundanna)*: "Daħħlu lil nies il-Fargħun fl-eqqel kastig!"
47. U meta jħaqquha fin-Nar, id-dgħajfin jgħidu lil dawk li tkabbru: "Aħna konna nimxu warajkom *(fid-dinja)*. Jaqaw *(issa)* se tieħdu minn fuqna biċċa min-Nar?"
48. Dawk li tkabbru jgħidu: "Aħna tabilħaqq ilkoll fiha. Tassew li Alla għamel ħaqq mill-qaddejja."
49. Dawk fin-Nar jgħidu lill-għassiesa ta' l-Infern: "Itolbu lil Sidkom iħaffef minn fuqna *(għallinqas)* jum wieħed mill-kastig."

قَالُوٓا۟ أَوَلَمْ تَكُ تَأْتِيكُمْ رُسُلُكُم بِٱلْبَيِّنَٰتِ ۖ قَالُوا۟
بَلَىٰ ۚ قَالُوا۟ فَٱدْعُوا۟ ۗ وَمَا دُعَٰٓؤُا۟ ٱلْكَٰفِرِينَ إِلَّا فِى ضَلَٰلٍ
﴿50﴾ إِنَّا لَنَنصُرُ رُسُلَنَا وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ فِى ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا
وَيَوْمَ يَقُومُ ٱلْأَشْهَٰدُ ﴿51﴾ يَوْمَ لَا يَنفَعُ ٱلظَّٰلِمِينَ مَعْذِرَتُهُمْ ۖ
وَلَهُمُ ٱللَّعْنَةُ وَلَهُمْ سُوٓءُ ٱلدَّارِ ﴿52﴾ وَلَقَدْ ءَاتَيْنَا مُوسَى
ٱلْهُدَىٰ وَأَوْرَثْنَا بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ ٱلْكِتَٰبَ ﴿53﴾ هُدًى
وَذِكْرَىٰ لِأُو۟لِى ٱلْأَلْبَٰبِ ﴿54﴾ فَٱصْبِرْ إِنَّ وَعْدَ ٱللَّهِ
حَقٌّ وَٱسْتَغْفِرْ لِذَنۢبِكَ وَسَبِّحْ بِحَمْدِ رَبِّكَ بِٱلْعَشِىِّ
وَٱلْإِبْكَٰرِ ﴿55﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ يُجَٰدِلُونَ فِىٓ ءَايَٰتِ
ٱللَّهِ بِغَيْرِ سُلْطَٰنٍ أَتَىٰهُمْ ۙ إِن فِى صُدُورِهِمْ إِلَّا كِبْرٌ
مَّا هُم بِبَٰلِغِيهِ ۚ فَٱسْتَعِذْ بِٱللَّهِ ۖ إِنَّهُۥ هُوَ ٱلسَّمِيعُ
ٱلْبَصِيرُ ﴿56﴾ لَخَلْقُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ أَكْبَرُ مِنْ
خَلْقِ ٱلنَّاسِ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ ٱلنَّاسِ لَا يَعْلَمُونَ ﴿57﴾
وَمَا يَسْتَوِى ٱلْأَعْمَىٰ وَٱلْبَصِيرُ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟
ٱلصَّٰلِحَٰتِ وَلَا ٱلْمُسِىٓـُٔ ۚ قَلِيلًا مَّا تَتَذَكَّرُونَ ﴿58﴾

50. Jgħidu*(lhom l-għassiesa)*: "Mela ma kinux jiġukom il-Mibgħutin tagħkom bis-sinjal ċ-ċari?" Huma jgħidu*(lhom)*: "Mela!" Jgħidu *(l-għassiesa)*: "Itolbu!" Iżda t-talba ta' dawk li ċaħdu t-twemmin ma hijiex ħlief fix-xejn.

51. Aħna tabilħaqq noħorġu rebbiħin lill-Mibgħutin tagħna u lil dawk li emmnu fil-ħajja *(ta' din)* id-dinja u fil-Jum *(tal-Ġudizzju)*, meta jqumu x-xhieda *(biex jixhdu għall-għemejjel tal-bnedmin)*;

52. fil-Jum meta ma jiswew xejn lill-ħżiena l-iskużi tagħhom, u għalihom tkun is-saħta u l-kruha tad-Dar *(fl-Infern)*.

53. Aħna tassew tajna lil Mosè t-tmexxija t-tajba, u għamilna Wlied Israel werrieta tal-Ktieb,

54. *(Ktieb imqaddes li fih)* tmexxija tajba u tifkira għal dawk li għandhom id-dehen.

55. Mela stabar *(Muħammad)*! Tabilħaqq li l-wegħda ta' Alla hija minnha. Itlob maħfra għad-dnub *(mhux intenzjonat)* tiegħek u faħħar is-sebħ ta' Sidek filgħaxija u filgħodu kmieni.

56. Tabilħaqq li dawk li jħaqquha dwar ir-Rivelazzjoni ta' Alla, mingħajr ma ġiethom ebda prova *(ta' dak li qegħdin jgħidu)*, fi qlubhom ma hemmx ħlief *(ix-xewqa tal-)* kobor li ma humiex se jilħquh. Għalhekk *(Muħammad)* stkenn f'Alla! Tabilħaqq li Huwa jisma' kollox u jara kollox.

57. Tabilħaqq li l-ħolqien tas-smewwiet u ta' l-art huwa akbar mill-ħolqien tan-nies, iżda l-kotra tan-nies ma jafux.

58. Ma humiex indaqs l-agħma u dak li jara, dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid u l-bniedem li jagħmel il-ħażen. *(Intom)* ftit li xejn titwiddbu!

إِنَّ ٱلسَّاعَةَ لَءَاتِيَةٌ لَّا رَيْبَ فِيهَا وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ ٱلنَّاسِ
لَا يُؤْمِنُونَ ﴿59﴾ وَقَالَ رَبُّكُمُ ٱدْعُونِىٓ أَسْتَجِبْ لَكُمْ
إِنَّ ٱلَّذِينَ يَسْتَكْبِرُونَ عَنْ عِبَادَتِى سَيَدْخُلُونَ جَهَنَّمَ
دَاخِرِينَ ﴿60﴾ ٱللَّهُ ٱلَّذِى جَعَلَ لَكُمُ ٱلَّيْلَ لِتَسْكُنُوا۟
فِيهِ وَٱلنَّهَارَ مُبْصِرًا ۚ إِنَّ ٱللَّهَ لَذُو فَضْلٍ عَلَى ٱلنَّاسِ
وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ ٱلنَّاسِ لَا يَشْكُرُونَ ﴿61﴾ ذَٰلِكُمُ
ٱللَّهُ رَبُّكُمْ خَٰلِقُ كُلِّ شَىْءٍ لَّآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ ۖ فَأَنَّىٰ تُؤْفَكُونَ
﴿62﴾ كَذَٰلِكَ يُؤْفَكُ ٱلَّذِينَ كَانُوا۟ بِـَٔايَٰتِ ٱللَّهِ يَجْحَدُونَ
﴿63﴾ ٱللَّهُ ٱلَّذِى جَعَلَ لَكُمُ ٱلْأَرْضَ قَرَارًا وَٱلسَّمَآءَ
بِنَآءً وَصَوَّرَكُمْ فَأَحْسَنَ صُوَرَكُمْ وَرَزَقَكُم مِّنَ
ٱلطَّيِّبَٰتِ ۚ ذَٰلِكُمُ ٱللَّهُ رَبُّكُمْ ۖ فَتَبَارَكَ ٱللَّهُ رَبُّ
ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿64﴾ هُوَ ٱلْحَىُّ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ فَٱدْعُوهُ
مُخْلِصِينَ لَهُ ٱلدِّينَ ۗ ٱلْحَمْدُ لِلَّهِ رَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿65﴾ ۞ قُلْ
إِنِّى نُهِيتُ أَنْ أَعْبُدَ ٱلَّذِينَ تَدْعُونَ مِن دُونِ ٱللَّهِ لَمَّا جَآءَنِىَ
ٱلْبَيِّنَٰتُ مِن رَّبِّى وَأُمِرْتُ أَنْ أُسْلِمَ لِرَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿66﴾

ربع الحزب 48

59. Is-Siegħa tabilħaqq ġejja, ma hemmx dubju dwarha, iżda l-kotra tan-nies ma jemmnux!

60. Sidkom qal: "Sejħuli u nweġibkom! Tabilħaqq li dawk li huma mkabbrin wisq biex jaqduni se jidħlu l-Infern imkasbrin!"

61. Alla huwa li għamlilkom il-lejl biex tistrieħu fih, u n-nhar imdawwal *(biex taraw fejn sejrin u taqdu dmirijietkom)*. Alla tabilħaqq Kollu Tjieba u Ġeneruż man-nies, iżda l-kotra tan-nies ma jiżżux ħajr.

62. Dak huwa Alla Sidkom, il-Ħallieq ta' kollox. Ma hemmx alla *(ieħor)* għajru. Mela kif titbiegħdu mis-sewwa *(u temmnu fl-idoli)*?

63. Hekk ikunu mbegħdin mis-sewwa dawk li jiċħdu s-sinjali ta' Alla.

64. Alla huwa li qegħdilkom l-art fis-sod *(biex tgħixu fuqha)*, u s-sema bħal saqaf, sawwarkom fl-aħjar sura, u takom mill-ħwejjeġ tajba għall-għajxien. Dak hu Alla Sidkom. Jitbierek Alla Sid il-ħolqien!

65. Huwa l-Ħaj! Ma hemmx alla ieħor għajru. Mela sejħulu u oqogħdu għalih biss! It-tifħir lil Alla Sid il-ħolqien.

66. Għid *(Muħammad)*: "Jiena mwissi biex ma nqimx lil dawk *(l-idoli)* li intom issejħu minflok Alla, meta *(naf li)* ġewni sinjali ċari minn Sidi, u ngħatajt l-amar biex nintelaq f'Sid il-ħolqien."

هُوَ ٱلَّذِى خَلَقَكُم مِّن تُرَابٍ ثُمَّ مِن نُّطْفَةٍ ثُمَّ مِنْ عَلَقَةٍ ثُمَّ
يُخْرِجُكُمْ طِفْلًا ثُمَّ لِتَبْلُغُوٓا۟ أَشُدَّكُمْ ثُمَّ لِتَكُونُوا۟
شُيُوخًا ۚ وَمِنكُم مَّن يُتَوَفَّىٰ مِن قَبْلُ ۖ وَلِتَبْلُغُوٓا۟ أَجَلًا مُّسَمًّى
وَلَعَلَّكُمْ تَعْقِلُونَ ﴿67﴾ هُوَ ٱلَّذِى يُحْىِۦ وَيُمِيتُ ۖ فَإِذَا
قَضَىٰٓ أَمْرًا فَإِنَّمَا يَقُولُ لَهُۥ كُن فَيَكُونُ ﴿68﴾ أَلَمْ تَرَ إِلَى ٱلَّذِينَ
يُجَٰدِلُونَ فِىٓ ءَايَٰتِ ٱللَّهِ أَنَّىٰ يُصْرَفُونَ ﴿69﴾ ٱلَّذِينَ كَذَّبُوا۟
بِٱلْكِتَٰبِ وَبِمَآ أَرْسَلْنَا بِهِۦ رُسُلَنَا ۖ فَسَوْفَ يَعْلَمُونَ
﴿70﴾ إِذِ ٱلْأَغْلَٰلُ فِىٓ أَعْنَاقِهِمْ وَٱلسَّلَٰسِلُ يُسْحَبُونَ ﴿71﴾
فِى ٱلْحَمِيمِ ثُمَّ فِى ٱلنَّارِ يُسْجَرُونَ ﴿72﴾ ثُمَّ قِيلَ لَهُمْ أَيْنَ
مَا كُنتُمْ تُشْرِكُونَ ﴿73﴾ مِن دُونِ ٱللَّهِ ۖ قَالُوا۟ ضَلُّوا۟ عَنَّا بَل لَّمْ
نَكُن نَّدْعُوا۟ مِن قَبْلُ شَيْـًٔا ۚ كَذَٰلِكَ يُضِلُّ ٱللَّهُ ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿74﴾
ذَٰلِكُم بِمَا كُنتُمْ تَفْرَحُونَ فِى ٱلْأَرْضِ بِغَيْرِ ٱلْحَقِّ وَبِمَا كُنتُمْ
تَمْرَحُونَ ﴿75﴾ ٱدْخُلُوٓا۟ أَبْوَٰبَ جَهَنَّمَ خَٰلِدِينَ فِيهَا ۖ فَبِئْسَ
مَثْوَى ٱلْمُتَكَبِّرِينَ ﴿76﴾ فَٱصْبِرْ إِنَّ وَعْدَ ٱللَّهِ حَقٌّ ۚ فَإِمَّا
نُرِيَنَّكَ بَعْضَ ٱلَّذِى نَعِدُهُمْ أَوْ نَتَوَفَّيَنَّكَ فَإِلَيْنَا يُرْجَعُونَ ﴿77﴾

67. Huwa li ħalaqkom minn trab, imbagħad minn nitfa *(ta' sperma)*, imbagħad minn demm magħqud. Imbagħad joħroġkom *(f'għamla ta')* tfal, imbagħad *(jara)* li tilħqu l-aqwa tagħkom, imbagħad *(jippermetti)* li tkunu xjuħ. Hemm minnkom li tintbagħatlu l-mewt qabel, biex tilħqu żmien imsemmi, u forsi tifhmu.

68. Huwa li jagħti l-ħajja u l-mewt, u meta jaqta' *(li għandha sseħħ)* xi ħaġa, jgħidilha biss: "Kun!" u tkun.

69. Mela ma rajtx lil dawk li jħaqquha dwar ir-Rivelazzjoni ta' Alla, kif jitwarrbu *(u jintbagħtu 'l bogħod mis-sewwa)*?

70. *(Huma)* dawk li jgiddbu l-Ktieb u dak *(l-għerf)* li bih bgħatna lill-Mibgħutin tagħna. *(Dalwaqt)* se jkunu jafu,

71. meta l-irbit u l-ktajjen *(jagħfsu)* fuq għenuqhom u jitkaxkru

72. fl-ilma jagħli, u jitqabbdu fin-Nar.

73. Imbagħad jintqal lilhom: "Fejn huma dawk *(l-allat)* li kontu xxierku *(ma' Alla fid-divinità)*,

74. minflok Alla?" Huma jwieġbu: "Ħallewna! Le! Ma konna nsejħu xejn qabel!" Hekk Alla jtellef it-triq ta' dawk bla twemmin.

75. *(U jintqal lilhom:)* "Dak minħabba li kontu tifirħu fuq l-art, mingħajr ħaqq, u minħabba li kontu titkesshu.

76. Idħlu bwieb l-Infern u fih ibqgħu għal dejjem! Ta' għajb l-għamara ta' l-imkabbrin!"

77. Mela stabar *(Muħammad)*! Tabilħaqq li l-wegħda ta' Alla hija minnha. U sew jekk nuruk ftit minn dak *(il-kastig)* li qegħdin inwegħduhom, u sew jekk *(fil-ħniena tagħna)* neħdulek ħajtek *(qabel ma jseħħ il-kastig imwiegħed, xorta waħda)* lejna jitreġġgħu lura.

وَلَقَدْ أَرْسَلْنَا رُسُلًا مِّن قَبْلِكَ مِنْهُم مَّن قَصَصْنَا عَلَيْكَ
وَمِنْهُم مَّن لَّمْ نَقْصُصْ عَلَيْكَ ۗ وَمَا كَانَ لِرَسُولٍ أَن يَأْتِيَ
بِآيَةٍ إِلَّا بِإِذْنِ اللَّهِ ۚ فَإِذَا جَاءَ أَمْرُ اللَّهِ قُضِيَ بِالْحَقِّ وَخَسِرَ
هُنَالِكَ الْمُبْطِلُونَ ﴿78﴾ اللَّهُ الَّذِي جَعَلَ لَكُمُ الْأَنْعَامَ
لِتَرْكَبُوا مِنْهَا وَمِنْهَا تَأْكُلُونَ ﴿79﴾ وَلَكُمْ فِيهَا
مَنَافِعُ وَلِتَبْلُغُوا عَلَيْهَا حَاجَةً فِي صُدُورِكُمْ وَعَلَيْهَا وَعَلَى
الْفُلْكِ تُحْمَلُونَ ﴿80﴾ وَيُرِيكُمْ آيَاتِهِ فَأَيَّ آيَاتِ
اللَّهِ تُنكِرُونَ ﴿81﴾ أَفَلَمْ يَسِيرُوا فِي الْأَرْضِ فَيَنظُرُوا كَيْفَ
كَانَ عَاقِبَةُ الَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ ۚ كَانُوا أَكْثَرَ مِنْهُمْ وَأَشَدَّ
قُوَّةً وَآثَارًا فِي الْأَرْضِ فَمَا أَغْنَىٰ عَنْهُم مَّا كَانُوا يَكْسِبُونَ
﴿82﴾ فَلَمَّا جَاءَتْهُمْ رُسُلُهُم بِالْبَيِّنَاتِ فَرِحُوا بِمَا عِندَهُم
مِّنَ الْعِلْمِ وَحَاقَ بِهِم مَّا كَانُوا بِهِ يَسْتَهْزِئُونَ ﴿83﴾ فَلَمَّا
رَأَوْا بَأْسَنَا قَالُوا آمَنَّا بِاللَّهِ وَحْدَهُ وَكَفَرْنَا بِمَا كُنَّا بِهِ
مُشْرِكِينَ ﴿84﴾ فَلَمْ يَكُ يَنفَعُهُمْ إِيمَانُهُمْ لَمَّا رَأَوْا بَأْسَنَا ۖ سُنَّتَ
اللَّهِ الَّتِي قَدْ خَلَتْ فِي عِبَادِهِ ۖ وَخَسِرَ هُنَالِكَ الْكَافِرُونَ ﴿85﴾

78. Aħna tassew bgħatna Mibgħutin qablek. Hemm minnhom li għednielek dwarhom, u oħrajn li ma għednilekx. Ma setax jiġi Mibgħut, b'xi sinjal, jekk mhux bil-permess ta' Alla. U meta jiġi l-amar ta' Alla *(biex il-ħżiena jieħdu l-kastig tagħhom)*, isir ħaqq bis-sewwa. Dakinhar tellifin joħorġu l-qarrieqa!

79. Alla huwa li għamlilkom il-frat biex tirkbu whud minnhom, u minn oħrajn tieklu.

80. Fihom għandkom ħwejjeġ ta' fejda, u biex bihom tilħqu l-ħtieġa *(li jista' jkollkom)* fi qlubkom. Fuqhom, u fuq l-iġfna, tinġarru.

81. U *(Alla)* jurikom is-sinjali tiegħu. Mela liema mis-sinjali ta' Alla tiċħdu?

82. Mela ma terrqux fl-art u ma rawx kif kien it-tmiem *(tal-biża')* ta' dawk ta' qabilhom? Huma kienu iżjed minnhom, u akbar fil-qawwa u fil-fdalijiet *(taċ-ċiviltà tagħhom li ħallew warajhom)* fuq l-art, iżda xejn ma swielhom dak li kisbu *(b'għemilhom)*.

83. Meta l-Mibgħutin tagħhom ġewhom bis-sinjali ċ-ċari, huma ferħu bl-għarfien *(tad-dinja)* li kellhom, u dawwarhom minn kullimkien dak li kienu jkasbru.

84. U meta raw il-kastig qalil tagħna, qalu: "Nemmnu f'Alla waħdu, u niċħdu dak li konna nxierku miegħu!"

85. Iżda ma kienx jiswielhom twemminhom *(li ħaddnu biss)* meta raw il-kastig qalil tagħna. *(Din kienet)* d-drawwa ta' Alla li seħħet mal-qaddejja tiegħu *(fl-imgħoddi)*. Dakinhar tellifin joħorġu dawk li jiċħdu t-twemmin.

سُورَةُ فُصِّلَتْ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

حٰمٓ ﴿1﴾ تَنزِيلٌ مِّنَ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ ﴿2﴾ كِتَٰبٌ فُصِّلَتْ
ءَايَٰتُهُۥ قُرْءَانًا عَرَبِيًّا لِّقَوْمٍ يَعْلَمُونَ ﴿3﴾ بَشِيرًا وَنَذِيرًا فَأَعْرَضَ
أَكْثَرُهُمْ فَهُمْ لَا يَسْمَعُونَ ﴿4﴾ وَقَالُوا۟ قُلُوبُنَا فِىٓ أَكِنَّةٍ
مِّمَّا تَدْعُونَآ إِلَيْهِ وَفِىٓ ءَاذَانِنَا وَقْرٌ وَمِنۢ بَيْنِنَا وَبَيْنِكَ حِجَابٌ
فَٱعْمَلْ إِنَّنَا عَٰمِلُونَ ﴿5﴾ قُلْ إِنَّمَآ أَنَا۠ بَشَرٌ مِّثْلُكُمْ يُوحَىٰٓ إِلَىَّ
أَنَّمَآ إِلَٰهُكُمْ إِلَٰهٌ وَٰحِدٌ فَٱسْتَقِيمُوٓا۟ إِلَيْهِ وَٱسْتَغْفِرُوهُ ۗ وَوَيْلٌ
لِّلْمُشْرِكِينَ ﴿6﴾ ٱلَّذِينَ لَا يُؤْتُونَ ٱلزَّكَوٰةَ وَهُم بِٱلْءَاخِرَةِ
هُمْ كَٰفِرُونَ ﴿7﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ لَهُمْ
أَجْرٌ غَيْرُ مَمْنُونٍ ﴿8﴾ ۞ قُلْ أَئِنَّكُمْ لَتَكْفُرُونَ بِٱلَّذِى خَلَقَ
ٱلْأَرْضَ فِى يَوْمَيْنِ وَتَجْعَلُونَ لَهُۥٓ أَندَادًا ۚ ذَٰلِكَ رَبُّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿9﴾
وَجَعَلَ فِيهَا رَوَٰسِىَ مِن فَوْقِهَا وَبَٰرَكَ فِيهَا وَقَدَّرَ فِيهَآ أَقْوَٰتَهَا فِىٓ
أَرْبَعَةِ أَيَّامٍ سَوَآءً لِّلسَّآئِلِينَ ﴿10﴾ ثُمَّ ٱسْتَوَىٰٓ إِلَى ٱلسَّمَآءِ وَهِىَ دُخَانٌ
فَقَالَ لَهَا وَلِلْأَرْضِ ٱئْتِيَا طَوْعًا أَوْ كَرْهًا قَالَتَآ أَتَيْنَا طَآئِعِينَ ﴿11﴾

نصف الحزب 48

41. *Sūratu Fuṣṣilat*

(Suret il-Versi Mfasslin – Niżlet f'Mekka b'54 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Ħā'. Mīm.*
2. Tinżil *(bir-Rivelazzjoni)* minn Dak Kollu Ħniena, il-Ħanin.
3. Ktieb li l-versi tiegħu tfasslu *(u tfissru bir-reqqa)*; Qoran Għarbi għal nies li jafu *(u jifhmu)*;
4. *(Ktieb)* li jagħti l-bxara u jwissi, iżda l-kotra tagħhom iwarrbu *(minnu)* u ma jisimgħux.
5. Huma jgħidu: "Qlubna jistkennu *(u huma mħarsa)* minn dak li inti *(Muħammad)* issejħilna għalih, u f'widnejna *(għandna)* toqol itarrax, u bejnna u bejnek hemm velu. Mela agħmel *(dak li trid)*; aħna *(ukoll)* nagħmlu *(dak li rridu)*!"
6. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Jiena biss bniedem bħalkom: tnebbaħ lili li Alla tagħkom huwa Alla wieħed. Mela aqbdu t-triq id-dritta lejh u itolbuh maħfra. Ħażin għal dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla)*,
7. dawk li ma jagħtux karità u jiċħdu *(il-Ħajja)* l-Oħra.
8. Tabilħaqq li dawk li jemmnu, u jagħmlu l-ġid, għandhom ħlas li ma jinqatax *(u jibqa' għal dejjem)*."
9. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Jaqaw intom tiċħdu lil Dak li ħalaq l-art f'jumejn, u tagħmlulu *(allat li tgħidu li huma)* indaqs miegħu? Dak Sid il-ħolqien!"
10. Huwa qiegħed fiha *(fl-art)* iġbla *(li jogħlew)* fuqha, berikha, u qassam fiha l-ikel tagħha f'erbat ijiem, *(u jingħata)* indaqs lil dawk li jistaqsu.
11. Imbagħad dar lejn is-sema, li huwa duħħan, u qal lilu u lill-art: "Ejjew flimkien, tridu jew ma tridux!" Huma t-tnejn qalu: "Aħna niġu flimkien, ubbidjenti."

فَقَضَىٰهُنَّ سَبۡعَ سَمَٰوَٰتٖ فِي يَوۡمَيۡنِ وَأَوۡحَىٰ فِي كُلِّ سَمَآءٍ أَمۡرَهَاۚ
وَزَيَّنَّا ٱلسَّمَآءَ ٱلدُّنۡيَا بِمَصَٰبِيحَ وَحِفۡظٗاۚ ذَٰلِكَ تَقۡدِيرُ ٱلۡعَزِيزِ
ٱلۡعَلِيمِ ﴿12﴾ فَإِنۡ أَعۡرَضُواْ فَقُلۡ أَنذَرۡتُكُمۡ صَٰعِقَةٗ مِّثۡلَ صَٰعِقَةِ
عَادٖ وَثَمُودَ ﴿13﴾ إِذۡ جَآءَتۡهُمُ ٱلرُّسُلُ مِنۢ بَيۡنِ أَيۡدِيهِمۡ وَمِنۡ
خَلۡفِهِمۡ أَلَّا تَعۡبُدُوٓاْ إِلَّا ٱللَّهَۖ قَالُواْ لَوۡ شَآءَ رَبُّنَا لَأَنزَلَ مَلَٰٓئِكَةٗ
فَإِنَّا بِمَآ أُرۡسِلۡتُم بِهِۦ كَٰفِرُونَ ﴿14﴾ فَأَمَّا عَادٞ فَٱسۡتَكۡبَرُواْ فِي
ٱلۡأَرۡضِ بِغَيۡرِ ٱلۡحَقِّ وَقَالُواْ مَنۡ أَشَدُّ مِنَّا قُوَّةًۖ أَوَلَمۡ يَرَوۡاْ أَنَّ ٱللَّهَ
ٱلَّذِي خَلَقَهُمۡ هُوَ أَشَدُّ مِنۡهُمۡ قُوَّةٗۖ وَكَانُواْ بِـَٔايَٰتِنَا يَجۡحَدُونَ
﴿15﴾ فَأَرۡسَلۡنَا عَلَيۡهِمۡ رِيحٗا صَرۡصَرٗا فِيٓ أَيَّامٖ نَّحِسَاتٖ لِّنُذِيقَهُمۡ
عَذَابَ ٱلۡخِزۡيِ فِي ٱلۡحَيَوٰةِ ٱلدُّنۡيَاۖ وَلَعَذَابُ ٱلۡأٓخِرَةِ أَخۡزَىٰۖ وَهُمۡ
لَا يُنصَرُونَ ﴿16﴾ وَأَمَّا ثَمُودُ فَهَدَيۡنَٰهُمۡ فَٱسۡتَحَبُّواْ ٱلۡعَمَىٰ عَلَى
ٱلۡهُدَىٰ فَأَخَذَتۡهُمۡ صَٰعِقَةُ ٱلۡعَذَابِ ٱلۡهُونِ بِمَا كَانُواْ يَكۡسِبُونَ
﴿17﴾ وَنَجَّيۡنَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ وَكَانُواْ يَتَّقُونَ ﴿18﴾ وَيَوۡمَ يُحۡشَرُ
أَعۡدَآءُ ٱللَّهِ إِلَى ٱلنَّارِ فَهُمۡ يُوزَعُونَ ﴿19﴾ حَتَّىٰٓ إِذَا مَا جَآءُوهَا شَهِدَ
عَلَيۡهِمۡ سَمۡعُهُمۡ وَأَبۡصَٰرُهُمۡ وَجُلُودُهُم بِمَا كَانُواْ يَعۡمَلُونَ ﴿20﴾

12. Huwa qata' li jkunu seba' smewwiet f'jumejn, u nebbaħ f'kull sema l-amar tiegħu. U żejjinna s-sema ta' isfel bi msiebaħ *(il-kwiekeb)* u *(tajnieh)* ħarsien. Dak huwa d-digriet tal-Qawwi li jaf kollox.

13. Iżda jekk iwarrbu *(mit-twemmin, għaliex ma jridux jafu)*, għid*(ilhom Muħammad)*: "Wissejtkom *(li tolqotkom)* sajjetta, bħas-sajjetta *(li laqtet lit-tribujiet)* ta' Għād u Ṯamūd *(fl-imgħoddi)*."

14. Meta ġewhom il-Mibgħutin minn quddiemhom u minn warajhom *(u wissewhom)*: "La tqimux għajr lil Alla." *(nies Għād u Ṯamūd qalu)*: "Kieku ried, Sidna kien iniżżel anġli *(biex iwissuna)*. Għalhekk aħna ma nemmnux f'dak li ntbagħattu bih!"

15. Nies Għād tkabbru fl-art, mingħajr ħaqq, u qalu: "Min huwa akbar minna fil-qawwa?" Mela ma rawx li Alla li ħalaqhom huwa akbar minnhom fil-qawwa? Huma kienu jiċħdu r-Rivelazzjoni tagħna.

16. Għalhekk bgħatna fuqhom riefnu kiesaħ f'jiem ta' riżq ħażin biex indewquhom il-kastig tat-tkasbir fil-ħajja *(f'din)* id-dinja. Tassew li l-kastig tal-Oħra *(tal-Ħajja l-Oħra)* huwa aktar ta' tkasbir, u ma jkunux megħjunin.

17. Nies Ṯamūd mexxejniehom fit-triq it-tajba, iżda huma għoġobhom aktar l-għama milli t-tmexxija t-tajba, u għalhekk ħadithom is-sajjetta tal-kastig ta' l-umiljazzjoni minħabba dak *(il-ħażen)* li kienu jiksbu *(bl-għemejjel tagħhom)*.

18. U ħlisna *(mill-kastig)* lil dawk li emmnu u kienu jibżgħu minn Alla.

19. Fil-Jum meta l-għedewwa ta' Alla jinġabru għan-Nar *(ta' dejjem)*, huma jinsaqu u jkunu mbuttati *(għal ġewwa fih)*.

20. U meta jaslu ħdejh *(l-Infern)*, jixhdu kontrihom is-smigħ tagħhom, dawl għajnejhom, u l-ġlud tagħhom dwar dak li kienu jagħmlu.

21. Huma jgħidu lil ġludhom: "Għaliex tixhdu kontrina?" Huma jwieġbu: "Alla ġegħelna nitkellmu, Dak li ġiegħel kull ħaġa titkellem. Huwa ħalaqkom l-ewwel darba, u lejh titreġġgħu lura.
22. Intom ma kontux tinsatru *(u tinħbew)* biex is-smigħ tagħkom, dawl għajnejkom u ġludkom ma jixhdux kontrikom. Iżda intom taħsbu li Alla ma jafx ħafna minn dak li kontu tagħmlu.
23. Dan il-ħsieb tagħkom li ħsibtu dwar Sidkom qeridkom, u sirtu mit-tellifin."
24. U anki jekk jistabru, in-Nar ikun għamara għalihom. U jekk jitolbu li jintlaqgħu fil-grazzja ta' Alla, huma ma jkunux mill-milqugħin.
25. Aħna tajniehom sħab *(xjaten u nies ħżiena biex jgħixu magħhom)* li żejnulhom dak *(l-għemil ħażin)* ta' qabel *(li għamlu fl-imgħoddi)* u dak ta' wara *(li se jagħmlu fil-ġejjieni)*. U seħħet dwarhom il-kelma *(tal-kastig)* fost ġnus ta' *ġinn* u bnedmin li għaddew qabilhom *(u għamlu ħalhom; kelma li tgħid:)* huma tabilħaqq tellifin!
26. Dawk li m'emmnux qalu: "La tisimgħux dan il-Qoran u ħarbtu fih *(kemm tifilħu)*! Forsi tegħlbu *(lil dawk li jemmnu)*."
27. Tassew li se ndewqu lil dawk li m'emmnux kastig qalil, u tassew li se nħallsuhom ta' l-agħar *(għemejjel)* li kienu jagħmlu.
28. Dak hu l-ħlas ta' l-għedewwa ta' Alla: in-Nar. Fih għandhom id-Dar ta' dejjem; ħlas *(xieraq għalihom)* talli kienu jiċħdu s-sinjali tagħna.
29. Dawk li ma jemmnux jgħidu: "Ja Sidna, urina lil dawk minn fost il-*ġinn* u l-bnedmin li tellfulna t-triq. Aħna nqegħduhom taħt saqajna biex ikunu minn dawk ta' isfel *(u fil-qiegħ)*."

وَقَالُوا لِجُلُودِهِمْ لِمَ شَهِدتُّمْ عَلَيْنَا ۖ قَالُوا أَنطَقَنَا اللَّهُ الَّذِي
أَنطَقَ كُلَّ شَيْءٍ وَهُوَ خَلَقَكُمْ أَوَّلَ مَرَّةٍ وَإِلَيْهِ تُرْجَعُونَ ﴿21﴾
وَمَا كُنتُمْ تَسْتَتِرُونَ أَن يَشْهَدَ عَلَيْكُمْ سَمْعُكُمْ وَلَا أَبْصَارُكُمْ
وَلَا جُلُودُكُمْ وَلَٰكِن ظَنَنتُمْ أَنَّ اللَّهَ لَا يَعْلَمُ كَثِيرًا مِّمَّا تَعْمَلُونَ
﴿22﴾ وَذَٰلِكُمْ ظَنُّكُمُ الَّذِي ظَنَنتُم بِرَبِّكُمْ أَرْدَاكُمْ فَأَصْبَحْتُم
مِّنَ الْخَاسِرِينَ ﴿23﴾ فَإِن يَصْبِرُوا فَالنَّارُ مَثْوًى لَّهُمْ ۖ وَإِن
يَسْتَعْتِبُوا فَمَا هُم مِّنَ الْمُعْتَبِينَ ﴿24﴾ ۞ وَقَيَّضْنَا لَهُمْ
قُرَنَاءَ فَزَيَّنُوا لَهُم مَّا بَيْنَ أَيْدِيهِمْ وَمَا خَلْفَهُمْ وَحَقَّ عَلَيْهِمُ
الْقَوْلُ فِي أُمَمٍ قَدْ خَلَتْ مِن قَبْلِهِم مِّنَ الْجِنِّ وَالْإِنسِ ۖ إِنَّهُمْ
كَانُوا خَاسِرِينَ ﴿25﴾ وَقَالَ الَّذِينَ كَفَرُوا لَا تَسْمَعُوا لِهَٰذَا الْقُرْآنِ
وَالْغَوْا فِيهِ لَعَلَّكُمْ تَغْلِبُونَ ﴿26﴾ فَلَنُذِيقَنَّ الَّذِينَ كَفَرُوا عَذَابًا
شَدِيدًا وَلَنَجْزِيَنَّهُمْ أَسْوَأَ الَّذِي كَانُوا يَعْمَلُونَ ﴿27﴾ ذَٰلِكَ جَزَاءُ
أَعْدَاءِ اللَّهِ النَّارُ ۖ لَهُمْ فِيهَا دَارُ الْخُلْدِ ۖ جَزَاءً بِمَا كَانُوا بِآيَاتِنَا يَجْحَدُونَ
﴿28﴾ وَقَالَ الَّذِينَ كَفَرُوا رَبَّنَا أَرِنَا الَّذَيْنِ أَضَلَّانَا مِنَ الْجِنِّ
وَالْإِنسِ نَجْعَلْهُمَا تَحْتَ أَقْدَامِنَا لِيَكُونَا مِنَ الْأَسْفَلِينَ ﴿29﴾

ثلاثة أرباع
الحزب
48

إِنَّ ٱلَّذِينَ قَالُوا۟ رَبُّنَا ٱللَّهُ ثُمَّ ٱسْتَقَٰمُوا۟ تَتَنَزَّلُ عَلَيْهِمُ
ٱلْمَلَٰٓئِكَةُ أَلَّا تَخَافُوا۟ وَلَا تَحْزَنُوا۟ وَأَبْشِرُوا۟ بِٱلْجَنَّةِ
ٱلَّتِى كُنتُمْ تُوعَدُونَ ﴿30﴾ نَحْنُ أَوْلِيَآؤُكُمْ فِى ٱلْحَيَوٰةِ
ٱلدُّنْيَا وَفِى ٱلْءَاخِرَةِ ۖ وَلَكُمْ فِيهَا مَا تَشْتَهِىٓ أَنفُسُكُمْ
وَلَكُمْ فِيهَا مَا تَدَّعُونَ ﴿31﴾ نُزُلًا مِّنْ غَفُورٍ رَّحِيمٍ ﴿32﴾
وَمَنْ أَحْسَنُ قَوْلًا مِّمَّن دَعَآ إِلَى ٱللَّهِ وَعَمِلَ صَٰلِحًا وَقَالَ
إِنَّنِى مِنَ ٱلْمُسْلِمِينَ ﴿33﴾ وَلَا تَسْتَوِى ٱلْحَسَنَةُ وَلَا ٱلسَّيِّئَةُ
ٱدْفَعْ بِٱلَّتِى هِىَ أَحْسَنُ فَإِذَا ٱلَّذِى بَيْنَكَ وَبَيْنَهُۥ عَدَٰوَةٌ كَأَنَّهُۥ
وَلِىٌّ حَمِيمٌ ﴿34﴾ وَمَا يُلَقَّىٰهَآ إِلَّا ٱلَّذِينَ صَبَرُوا۟ وَمَا يُلَقَّىٰهَآ
إِلَّا ذُو حَظٍّ عَظِيمٍ ﴿35﴾ وَإِمَّا يَنزَغَنَّكَ مِنَ ٱلشَّيْطَٰنِ نَزْغٌ
فَٱسْتَعِذْ بِٱللَّهِ ۖ إِنَّهُۥ هُوَ ٱلسَّمِيعُ ٱلْعَلِيمُ ﴿36﴾ وَمِنْ ءَايَٰتِهِ
ٱلَّيْلُ وَٱلنَّهَارُ وَٱلشَّمْسُ وَٱلْقَمَرُ ۚ لَا تَسْجُدُوا۟ لِلشَّمْسِ
وَلَا لِلْقَمَرِ وَٱسْجُدُوا۟ لِلَّهِ ٱلَّذِى خَلَقَهُنَّ إِن كُنتُمْ
إِيَّاهُ تَعْبُدُونَ ﴿37﴾ فَإِنِ ٱسْتَكْبَرُوا۟ فَٱلَّذِينَ عِندَ
رَبِّكَ يُسَبِّحُونَ لَهُۥ بِٱلَّيْلِ وَٱلنَّهَارِ وَهُمْ لَا يَسْـَٔمُونَ ﴿38﴾

سجدة

30. Tabilħaqq li dawk li jgħidu: "Sidna huwa Alla," imbagħad iżommu fit-triq id-dritta, l-anġli jinżlu fuqhom *(u jgħidulhom)*: "La tibżgħux u la titnikktux, u ħudu l-bxara t-tajba dwar il-Ġenna li kontu mwegħdin!
31. Aħna nħarsukom fil-ħajja *(f'din)* id-dinja u fl-Oħra, u fiha jkollkom dak li jixtiequ qlubkom, u jkollkom fiha dak li titolbu:
32. għotja ta' merħba *(f'Dar Alla)* mingħand Dak li huwa Kollu Maħfra u Ħanin."
33. U min huwa aħjar fil-kliem minn dak li jsejjaħ lil Alla u jagħmel il-ġid, u jgħid: "Jiena mill-Misilmin"?
34. It-tajjeb u l-ħażin ma humiex indaqs. Reġġa' lura *(l-għemil ħażin)* b'dak *(l-għemil)* li hu aħjar. Għaliex ara, dak li bejnek u bejnu hemm ostilità u mibegħda *(isir)* bħallikieku ħabib tal-qalb.
35. U ma jingħatawx *(din il-grazzja)* ħlief dawk li stabru, u ma jingħatax *(din il-barka)* għajr dak ta' riżq tajjeb.
36. U jekk jasallek *(Muħammad)* tixwix u tiġrib mix-Xitan, stkenn f'Alla! Huwa tabilħaqq jisma' kollox u jaf kollox.
37. Minn fost is-sinjali tiegħu *(insibu)* il-lejl u n-nhar, u x-xemx u l-qamar. La tinxteħtux *(bil-qima)* quddiem ix-xemx, u lanqas quddiem il-qamar, iżda nxteħtu quddiem Alla li ħalaqhom, jekk tassew lilu tqimu.
38. Iżda jekk *(l-arroganti)* jitkabbru, *(jeħtieġ ikunu jafu li Alla ma huwiex qiegħed jistenniehom għaliex)* dawk *(l-anġli)* li huma għand Sidek isebbħuh lejl u nhar, u huma ma jiddejqux *(jagħtu qima lil Alla)*.

وَمِنْ ءَايَٰتِهِۦٓ أَنَّكَ تَرَى ٱلْأَرْضَ خَٰشِعَةً فَإِذَآ أَنزَلْنَا عَلَيْهَا ٱلْمَآءَ
ٱهْتَزَّتْ وَرَبَتْ ۚ إِنَّ ٱلَّذِىٓ أَحْيَاهَا لَمُحْىِ ٱلْمَوْتَىٰٓ ۚ إِنَّهُۥ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ
قَدِيرٌ ﴿39﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ يُلْحِدُونَ فِىٓ ءَايَٰتِنَا لَا يَخْفَوْنَ عَلَيْنَا ۗ أَفَمَن
يُلْقَىٰ فِى ٱلنَّارِ خَيْرٌ أَم مَّن يَأْتِىٓ ءَامِنًا يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ ۚ ٱعْمَلُوا۟ مَا شِئْتُمْ ۖ
إِنَّهُۥ بِمَا تَعْمَلُونَ بَصِيرٌ ﴿40﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ بِٱلذِّكْرِ لَمَّا جَآءَهُمْ ۖ
وَإِنَّهُۥ لَكِتَٰبٌ عَزِيزٌ ﴿41﴾ لَّا يَأْتِيهِ ٱلْبَٰطِلُ مِنۢ بَيْنِ يَدَيْهِ وَلَا مِنْ
خَلْفِهِۦ ۖ تَنزِيلٌ مِّنْ حَكِيمٍ حَمِيدٍ ﴿42﴾ مَّا يُقَالُ لَكَ إِلَّا مَا قَدْ قِيلَ
لِلرُّسُلِ مِن قَبْلِكَ ۚ إِنَّ رَبَّكَ لَذُو مَغْفِرَةٍ وَذُو عِقَابٍ أَلِيمٍ ﴿43﴾
وَلَوْ جَعَلْنَٰهُ قُرْءَانًا أَعْجَمِيًّا لَّقَالُوا۟ لَوْلَا فُصِّلَتْ ءَايَٰتُهُۥٓ ۖ ءَا۬عْجَمِىٌّ
وَعَرَبِىٌّ ۗ قُلْ هُوَ لِلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ هُدًى وَشِفَآءٌ ۖ وَٱلَّذِينَ
لَا يُؤْمِنُونَ فِىٓ ءَاذَانِهِمْ وَقْرٌ وَهُوَ عَلَيْهِمْ عَمًى ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ
يُنَادَوْنَ مِن مَّكَانٍۭ بَعِيدٍ ﴿44﴾ وَلَقَدْ ءَاتَيْنَا مُوسَى ٱلْكِتَٰبَ
فَٱخْتُلِفَ فِيهِ ۗ وَلَوْلَا كَلِمَةٌ سَبَقَتْ مِن رَّبِّكَ لَقُضِىَ
بَيْنَهُمْ ۚ وَإِنَّهُمْ لَفِى شَكٍّ مِّنْهُ مُرِيبٍ ﴿45﴾ مَّنْ عَمِلَ صَٰلِحًا
فَلِنَفْسِهِۦ ۖ وَمَنْ أَسَآءَ فَعَلَيْهَا ۗ وَمَا رَبُّكَ بِظَلَّٰمٍ لِّلْعَبِيدِ ﴿46﴾

39. U fost is-sinjali tiegħu inti tara l-art mhux għammiela, iżda meta nniżżlu fuqha l-ilma, hija titheżżeż u tikber *(u tagħti frott)*. Tabilħaqq li Dak li jagħtiha l-ħajja, jagħti l-ħajja lill-mejtin. Huwa tabilħaqq fuq kollox Setgħan.

40. Tassew li dawk li jgħawġu l-versi tagħna, ma humiex moħbijin minna. Jaqaw min jinxtehet fin-Nar huwa l-aħjar, jew min jiġi *(għandna)* fiż-żgur, f'Jum il-Qawmien? Agħmlu li tridu! Huwa tabilħaqq jara sew dak li tagħmlu.

41. Tabilħaqq li dawk li jiċħdu t-tifkira meta taslilhom *(huma l-ħatjin)*, u huwa *(il-Qoran)* Ktieb ta' ġieħ.

42. Ma jiġihx il-qerq, la minn quddiemu u lanqas minn warajh. Huwa tinżil *(bir-Rivelazzjoni)* minn Għaref, li jistħoqq kull tifħir.

43. Dak li jintqal lilek *(Muħammad)* ma huwiex għajr dak li ntqal lill-Mibgħutin qablek. Sidek tabilħaqq huwa Sid il-maħfra, u Sid il-kastig ta' wġigħ.

44. Li kieku għamilnieh Qoran bi lsien barrani *(mhux Għarbi)*, huma kienu jgħidu: "Għaliex il-versi tiegħu ma tfissrux bir-reqqa *(u bi lsienna)*?" *(Ktieb)* bi lsien barrani u *(il-Mibgħut)* Għarbi? *(Dan kif jista' jkun?)* Għid *(Muħammad)*: "Għal dawk li jemmnu, huwa tmexxija tajba u fejqan, u dawk li ma jemmnux għandhom toqol f'widnejhom, u għalihom huwa għama. Dawk *(bħallikieku)* jissejħu minn post imbiegħed *(u ma jistgħux jisimgħu)*."

45. Tassew tajna l-Ktieb lil Mosè, u ma kienx hemm qbil dwaru. Li kieku ma laħqitx ħarġet Kelma minn Sidek, kieku l-kwistjoni kienet tkun maqtugħa bejniethom. Tassew li huma jinsabu f'dubju kbir dwaru.

46. Min jagħmel is-sewwa *(jagħmel hekk)* għalih innifsu, u min jagħmel il-ħażen *(jagħmel hekk)* kontra tiegħu nnifsu. Sidek ma huwiex inġust mal-qaddejja *(tiegħu)*.

الجزء 25
الحزب 49

۞ إِلَيْهِ يُرَدُّ عِلْمُ ٱلسَّاعَةِ ۚ وَمَا تَخْرُجُ مِن ثَمَرَٰتٍ مِّنْ أَكْمَامِهَا
وَمَا تَحْمِلُ مِنْ أُنثَىٰ وَلَا تَضَعُ إِلَّا بِعِلْمِهِۦ ۚ وَيَوْمَ يُنَادِيهِمْ أَيْنَ
شُرَكَآءِى قَالُوٓا۟ ءَاذَنَّٰكَ مَا مِنَّا مِن شَهِيدٍ ﴿47﴾ وَضَلَّ
عَنْهُم مَّا كَانُوا۟ يَدْعُونَ مِن قَبْلُ ۖ وَظَنُّوا۟ مَا لَهُم مِّن مَّحِيصٍ ﴿48﴾
لَّا يَسْـَٔمُ ٱلْإِنسَٰنُ مِن دُعَآءِ ٱلْخَيْرِ وَإِن مَّسَّهُ ٱلشَّرُّ فَيَـُٔوسٌ
قَنُوطٌ ﴿49﴾ وَلَئِنْ أَذَقْنَٰهُ رَحْمَةً مِّنَّا مِنۢ بَعْدِ ضَرَّآءَ مَسَّتْهُ
لَيَقُولَنَّ هَٰذَا لِى وَمَآ أَظُنُّ ٱلسَّاعَةَ قَآئِمَةً وَلَئِن رُّجِعْتُ إِلَىٰ
رَبِّىٓ إِنَّ لِى عِندَهُۥ ۖ لَلْحُسْنَىٰ ۚ فَلَنُنَبِّئَنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ بِمَا عَمِلُوا۟
وَلَنُذِيقَنَّهُم مِّنْ عَذَابٍ غَلِيظٍ ﴿50﴾ وَإِذَآ أَنْعَمْنَا عَلَى ٱلْإِنسَٰنِ
أَعْرَضَ وَنَـَٔا بِجَانِبِهِۦ ۖ وَإِذَا مَسَّهُ ٱلشَّرُّ فَذُو دُعَآءٍ عَرِيضٍ
﴿51﴾ قُلْ أَرَءَيْتُمْ إِن كَانَ مِنْ عِندِ ٱللَّهِ ثُمَّ كَفَرْتُم
بِهِۦ مَنْ أَضَلُّ مِمَّنْ هُوَ فِى شِقَاقٍۭ بَعِيدٍ ﴿52﴾ سَنُرِيهِمْ
ءَايَٰتِنَا فِى ٱلْءَافَاقِ وَفِىٓ أَنفُسِهِمْ حَتَّىٰ يَتَبَيَّنَ لَهُمْ أَنَّهُ ٱلْحَقُّ ۗ
أَوَلَمْ يَكْفِ بِرَبِّكَ أَنَّهُۥ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ شَهِيدٌ ﴿53﴾ أَلَآ إِنَّهُمْ
فِى مِرْيَةٍ مِّن لِّقَآءِ رَبِّهِمْ ۗ أَلَآ إِنَّهُۥ بِكُلِّ شَىْءٍ مُّحِيطٌۢ ﴿54﴾

47. Lura lejh *(lejn Alla)* jintradd l-għarfien tas-Siegħa *(li fiha jitqajmu l-bnedmin mill-mewt)*. Ebda waħda mill-frott ma toħroġ mill-qxur tagħha, u ebda mara ma ġġorr *(f'ġufha)* u lanqas twelled, jekk mhux bl-għarfien tiegħu *(ta' Alla)*. U fil-Jum meta *(Alla)* isejħilhom *(u jistaqsihom)*: "Fejn huma sħabi *(l-allat foloz li kontu tqimu minfloki)*?" huma jgħidu: "Ngħarrfuk li ħadd minna ma jixhed *(li hemm allat oħra għajrek)*."

48. Telquhom dawk *(l-allat)* li kienu jsejħu qabel, u emmnu li ma għandhomx fejn jaħarbu *(mill-kastig li ġej fuqhom)*.

49. Il-bniedem ma jegħja qatt jitlob il-ġid, iżda meta jmissu l-ħażen, huwa jaqta' jiesu u jiddispra.

50. U meta ndewquh ħniena mingħandna, wara li tkun messitu xi ħsara, tassew jgħid: "Dan *(bil-ħila)* tiegħi, u ma naħsibx li s-Siegħa *(tal-Ġudizzju)* se sseħħ. U jekk nitreġġa' lura għand Sidi, tassew li nsib għandu l-ġid *(u ma huwiex se jikkastigani)*." Aħna tassew ngħarrfu lil dawk li ma jemmnux b'dak li għamlu, u tassew indewquhom kastig iebes.

51. Meta nsawbu l-grazzji tagħna fuq il-bniedem, huwa jwarrab *(mit-triq it-tajba)* u jitkabbar. Iżda meta jmissu l-ħażen, huwa jdum isejjaħ *(lil Alla għall-għajnuna)*.

52. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ħabbruni *(intom il-pagani)*: jekk *(dan il-Qoran)* huwa *(tassew)* mingħand Alla, imbagħad m'emmintux fih, min huwa aktar mitluf minn dak li jinsab f'firda kbira *(minn Alla)*?"

53. Aħna se nuruhom is-sinjali tagħna f'kull naħa fl-univers *(kollu)*, u fihom infushom, sa ma jidhrilhom biċ-ċar li *(dan il-Qoran)* huwa s-sewwa. Jaqaw mhux biżżejjed *(għall-pagani)* li Sidek *(ma jaqbiżlu xejn u huwa)* Xhud għal kollox?

54. Huma tabilħaqq jinsabu f'dubju dwar il-laqgħa ma' Sidhom *(f'Jum il-Ġudizzju)*. Huwa tabilħaqq għandu kollox taħt idejh.

سُورَةُ الشُّورَىٰ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

حمٓ ﴿1﴾ عٓسٓقٓ ﴿2﴾ كَذَٰلِكَ يُوحِيٓ إِلَيْكَ وَإِلَى الَّذِينَ مِن قَبْلِكَ
اللَّهُ الْعَزِيزُ الْحَكِيمُ ﴿3﴾ لَهُۥ مَا فِي السَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِي الْأَرْضِ ۖ وَهُوَ
الْعَلِيُّ الْعَظِيمُ ﴿4﴾ تَكَادُ السَّمَٰوَٰتُ يَتَفَطَّرْنَ مِن فَوْقِهِنَّ ۚ
وَالْمَلَٰٓئِكَةُ يُسَبِّحُونَ بِحَمْدِ رَبِّهِمْ وَيَسْتَغْفِرُونَ لِمَن فِي
الْأَرْضِ ۗ أَلَآ إِنَّ اللَّهَ هُوَ الْغَفُورُ الرَّحِيمُ ﴿5﴾ وَالَّذِينَ اتَّخَذُوا
مِن دُونِهِۦٓ أَوْلِيَآءَ اللَّهُ حَفِيظٌ عَلَيْهِمْ وَمَآ أَنتَ عَلَيْهِم بِوَكِيلٍ
﴿6﴾ وَكَذَٰلِكَ أَوْحَيْنَآ إِلَيْكَ قُرْءَانًا عَرَبِيًّا لِّتُنذِرَ أُمَّ الْقُرَىٰ وَمَنْ
حَوْلَهَا وَتُنذِرَ يَوْمَ الْجَمْعِ لَا رَيْبَ فِيهِ ۚ فَرِيقٌ فِي الْجَنَّةِ وَفَرِيقٌ فِي
السَّعِيرِ ﴿7﴾ وَلَوْ شَآءَ اللَّهُ لَجَعَلَهُمْ أُمَّةً وَٰحِدَةً وَلَٰكِن يُدْخِلُ
مَن يَشَآءُ فِي رَحْمَتِهِۦ ۚ وَالظَّٰلِمُونَ مَا لَهُم مِّن وَلِيٍّ وَلَا نَصِيرٍ ﴿8﴾
أَمِ اتَّخَذُوا مِن دُونِهِۦٓ أَوْلِيَآءَ ۖ فَاللَّهُ هُوَ الْوَلِيُّ وَهُوَ يُحْيِ الْمَوْتَىٰ وَهُوَ
عَلَىٰ كُلِّ شَيْءٍ قَدِيرٌ ﴿9﴾ وَمَا اخْتَلَفْتُمْ فِيهِ مِن شَيْءٍ فَحُكْمُهُۥٓ
إِلَى اللَّهِ ۚ ذَٰلِكُمُ اللَّهُ رَبِّي عَلَيْهِ تَوَكَّلْتُ وَإِلَيْهِ أُنِيبُ ﴿10﴾

42. *Sūratu x-Xūrā*

(Suret il-Konsultazzjoni – Niżlet f'Mekka bi 53 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Ħā'. Mīm.*
2. *Għajn. Sīn. Qāf.*
3. Hekk inebbħek Alla l-Qawwi u l-Għaref, u lil dawk *(li ġew)* qablek.
4. Tiegħu dak li jinsab fis-smewwiet u fl-art, u Huwa l-Għoli, il-Kbir bla qjies.
5. Is-smewwiet għoddhom jinqasmu minn fuqhom, u l-anġli jfaħħru s-sebħ ta' Sidhom u jitolbu maħfra għal min jinsab fl-art. Alla tabilħaqq huwa Kollu Maħfra, il-Ħanin.
6. U dawk li ħadu *(għalihom allat foloz, u mhux lil Alla)* biex iħarsuhom minfloku, Alla jħarishom *(mill-ħsara)*, u inti *(Muħammad)* m'intix responsabbli għalihom.
7. Hekk Aħna nebbaħnielek Qoran Għarbi biex twissi lil Omm il-bliet *(lil Mekka)*, u lil min jinsab madwarha, u twissi b'Jum il-Ġabra *(tal-bnedmin kollha)* li ma hemmx dubju dwaru, *(meta)* ġemgħa tkun fil-Ġenna, u ġemgħa *(oħra)* fin-Nar iħeġġeġ.
8. Kieku ried, Alla kien jagħmilhom nazzjon wieħed *(bl-istess reliġjon: l-Islam)*, iżda jdaħħal lil min irid fil-ħniena tiegħu. U l-ħżiena la għandhom min iħarishom u lanqas min jagħtihom l-għajnuna.
9. Jaqaw ħadu *(għalihom allat foloz, u mhux lil Alla)* biex iħarsuhom minfloku. Iżda Alla, Huwa jħares, Huwa jagħti l-ħajja lill-mejtin, u Huwa fuq kollox Setgħan.
10. Id-deċiżjoni dwar dak li ma qbiltux fuqu tinsab għand Alla. Dak huwa Alla Sidi; f'idejh ħallejt u lejh indur *(bl-indiema)*.

فَاطِرُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۚ جَعَلَ لَكُم مِّنْ أَنفُسِكُمْ أَزْوَٰجًا
وَمِنَ ٱلْأَنْعَٰمِ أَزْوَٰجًا ۖ يَذْرَؤُكُمْ فِيهِ ۚ لَيْسَ كَمِثْلِهِۦ شَىْءٌ ۖ
وَهُوَ ٱلسَّمِيعُ ٱلْبَصِيرُ ﴿11﴾ لَهُۥ مَقَالِيدُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ
يَبْسُطُ ٱلرِّزْقَ لِمَن يَشَآءُ وَيَقْدِرُ ۚ إِنَّهُۥ بِكُلِّ شَىْءٍ عَلِيمٌ ﴿12﴾
ربع الحزب 49
۞ شَرَعَ لَكُم مِّنَ ٱلدِّينِ مَا وَصَّىٰ بِهِۦ نُوحًا وَٱلَّذِىٓ أَوْحَيْنَآ
إِلَيْكَ وَمَا وَصَّيْنَا بِهِۦٓ إِبْرَٰهِيمَ وَمُوسَىٰ وَعِيسَىٰٓ ۖ أَنْ أَقِيمُوا۟ ٱلدِّينَ
وَلَا تَتَفَرَّقُوا۟ فِيهِ ۚ كَبُرَ عَلَى ٱلْمُشْرِكِينَ مَا تَدْعُوهُمْ إِلَيْهِ ۚ ٱللَّهُ
يَجْتَبِىٓ إِلَيْهِ مَن يَشَآءُ وَيَهْدِىٓ إِلَيْهِ مَن يُنِيبُ ﴿13﴾ وَمَا
تَفَرَّقُوٓا۟ إِلَّا مِنۢ بَعْدِ مَا جَآءَهُمُ ٱلْعِلْمُ بَغْيًۢا بَيْنَهُمْ ۚ وَلَوْلَا كَلِمَةٌ
سَبَقَتْ مِن رَّبِّكَ إِلَىٰٓ أَجَلٍ مُّسَمًّى لَّقُضِىَ بَيْنَهُمْ ۚ وَإِنَّ ٱلَّذِينَ
أُورِثُوا۟ ٱلْكِتَٰبَ مِنۢ بَعْدِهِمْ لَفِى شَكٍّ مِّنْهُ مُرِيبٍ ﴿14﴾
فَلِذَٰلِكَ فَٱدْعُ ۖ وَٱسْتَقِمْ كَمَآ أُمِرْتَ ۖ وَلَا تَتَّبِعْ أَهْوَآءَهُمْ ۖ
وَقُلْ ءَامَنتُ بِمَآ أَنزَلَ ٱللَّهُ مِن كِتَٰبٍ ۖ وَأُمِرْتُ لِأَعْدِلَ
بَيْنَكُمُ ۖ ٱللَّهُ رَبُّنَا وَرَبُّكُمْ ۖ لَنَآ أَعْمَٰلُنَا وَلَكُمْ أَعْمَٰلُكُمْ ۖ
لَا حُجَّةَ بَيْنَنَا وَبَيْنَكُمُ ۖ ٱللَّهُ يَجْمَعُ بَيْنَنَا ۖ وَإِلَيْهِ ٱلْمَصِيرُ ﴿15﴾

11. Ħallieq is-smewwiet u l-art: Huwa għamlilkom minnkom infuskom in-nisa *(tagħkom)*, u l-frat f'żewġ *(għamliet ukoll għamilhom)*, biex b'hekk ikattarkom. Ma hemm xejn bħalu, u Huwa jisma' kollox u jara kollox.

12. Tiegħu l-imfietaħ tas-smewwiet u ta' l-art: jifrex il-ġid *(tiegħu bix-xaba')* fuq min irid, kif ukoll inaqqsu *(lil min irid)*. Huwa tabilħaqq jaf b'kollox.

13. *(Alla)* waqqaf għalikom *(l-istess)* din li kien amar lil Noè, u li nebbaħnielek *(Muħammad; dik ir-reliġjon)* li amarna lil Abraham, lil Mosè u lil Ġesù *(u li tgħid hekk lil dawk li jemmnu:)* Żommu sħiħ fid-din, u la tinqasmux fih! Għal dawk li jxierku l-allat, huwa iebes dak li inti *(Muħammad)* qiegħed issejħilhom għalih. Alla jagħżel għalih lil min irid, u juri t-triq *(li twassal)* lejh lil min idur lejh *(bl-indiema)*.

14. Huma ma nqasmux jekk mhux wara li ġiehom l-għarfien, minħabba l-għira ta' bejniethom. U li kieku ma laħqitx ħarġet Kelma minn Sidek għal żmien imsemmi, kieku l-kwistjoni kienet tkun maqtugħa bejniethom. Tabilħaqq li dawk li, warajhom, ingħataw il-Ktieb *(it-Torā u l-Evanġelju)* b'wirt, jinsabu f'dubju kbir dwaru.

15. Għalhekk sejjaħ *(Muħammad lil kulħadd għar-reliġjon ta' Alla)*, u żomm sod, kif kont imqabbad! La timxix wara x-xewqat tagħhom, iżda għid: "Nemmen fil-Ktieb li Alla niżżel. Jiena mqabbad nagħmel ħaqq bejnietkom. Alla huwa Sidna u Sidkom. Aħna għandna l-għemejjel tagħna *(xi nwieġbu għalihom)*, u intom għandkom l-għemejjel tagħkom *(ukoll)*. Ma hemm ebda tilwima bejnna u bejnkom. Alla għad jiġborna flimkien, u lura lejh huwa t-tmiem."

وَالَّذِينَ يُحَآجُّونَ فِي ٱللَّهِ مِنۢ بَعۡدِ مَا ٱسۡتُجِيبَ لَهُۥ حُجَّتُهُمۡ
دَاحِضَةٌ عِندَ رَبِّهِمۡ وَعَلَيۡهِمۡ غَضَبٞ وَلَهُمۡ عَذَابٞ شَدِيدٌ
﴿16﴾ ٱللَّهُ ٱلَّذِيٓ أَنزَلَ ٱلۡكِتَٰبَ بِٱلۡحَقِّ وَٱلۡمِيزَانَۗ وَمَا يُدۡرِيكَ
لَعَلَّ ٱلسَّاعَةَ قَرِيبٞ ﴿17﴾ يَسۡتَعۡجِلُ بِهَا ٱلَّذِينَ لَا يُؤۡمِنُونَ
بِهَاۖ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ مُشۡفِقُونَ مِنۡهَا وَيَعۡلَمُونَ أَنَّهَا ٱلۡحَقُّۗ
أَلَآ إِنَّ ٱلَّذِينَ يُمَارُونَ فِي ٱلسَّاعَةِ لَفِي ضَلَٰلِۭ بَعِيدٍ ﴿18﴾
ٱللَّهُ لَطِيفُۢ بِعِبَادِهِۦ يَرۡزُقُ مَن يَشَآءُۖ وَهُوَ ٱلۡقَوِيُّ ٱلۡعَزِيزُ
﴿19﴾ مَن كَانَ يُرِيدُ حَرۡثَ ٱلۡأٓخِرَةِ نَزِدۡ لَهُۥ فِي حَرۡثِهِۦۖ وَمَن
كَانَ يُرِيدُ حَرۡثَ ٱلدُّنۡيَا نُؤۡتِهِۦ مِنۡهَا وَمَا لَهُۥ فِي ٱلۡأٓخِرَةِ مِن
نَّصِيبٍ ﴿20﴾ أَمۡ لَهُمۡ شُرَكَٰٓؤُاْ شَرَعُواْ لَهُم مِّنَ ٱلدِّينِ
مَا لَمۡ يَأۡذَنۢ بِهِ ٱللَّهُۚ وَلَوۡلَا كَلِمَةُ ٱلۡفَصۡلِ لَقُضِيَ بَيۡنَهُمۡۗ
وَإِنَّ ٱلظَّٰلِمِينَ لَهُمۡ عَذَابٌ أَلِيمٞ ﴿21﴾ تَرَى ٱلظَّٰلِمِينَ
مُشۡفِقِينَ مِمَّا كَسَبُواْ وَهُوَ وَاقِعُۢ بِهِمۡۗ وَٱلَّذِينَ
ءَامَنُواْ وَعَمِلُواْ ٱلصَّٰلِحَٰتِ فِي رَوۡضَاتِ ٱلۡجَنَّاتِۖ
لَهُم مَّا يَشَآءُونَ عِندَ رَبِّهِمۡۚ ذَٰلِكَ هُوَ ٱلۡفَضۡلُ ٱلۡكَبِيرُ ﴿22﴾

16. Iżda dawk li jħaqquha dwar Alla, wara li kien milqugħ *(mill-bniedem)*, tkun fiergħa t-tilwima tagħhom quddiem Sidhom, u fuqhom *(jaqa')* l-għadab *(ta' Alla)* u jkollhom kastig qalil.

17. Alla *(huwa)* li niżżel il-Ktieb bis-sewwa, u l-Miżien. U xi jġiegħlek tkun taf? Għandha mnejn is-Siegħa *(tinsab)* qrib.

18. Dawk li ma jemmnux fiha *(is-Siegħa tal-Ġudizzju)* iridu jgħaġġluha, u dawk li jemmnu huma mbeżżgħin minnha, u jafu li hija s-sewwa. Tabilħaqq li dawk li jmieru dwar is-Siegħa, huma tassew f'telfien imbiegħed *(mis-sewwa)*.

19. Alla Ħelu mal-qaddejja tiegħu, jagħti l-ġid lil min irid, u Huwa l-Qawwi, il-Felħan.

20. Min ikun irid il-ħsad tal-*(Ħajja)* l-Oħra, Aħna nżidulu l-ħsad tiegħu, u min ikun irid il-ħsad ta' *(din)* id-dinja, Aħna nagħtuh minnu, iżda fil-*(Ħajja)* l-Oħra ma jkollu ebda sehem.

21. Jaqaw għandhom ixirka *(li xierku ma' Alla)* li ordnawlhom, fir-reliġjon, dak li Alla ma ppermettiex? Li kieku mhux għall-Kelma ta' deċiżjoni *(li laħqet ħarġet)*, kieku kien isir ħaqq minnhom. Il-ħżiena tabilħaqq għandhom kastig ta' wġigħ.

22. Se tara l-ħżiena mbeżżgħin minn dak li kisbu *(b'għemilhom)*, u huwa *(il-kastig)* se jaqa' fuqhom. Iżda dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid, *(se jgħammru)* fil-ħdura sabiħa tal-Ġonna *(fejn)* ikollhom dak li jridu għand Sidhom. Dik hija t-tjieba l-kbira *(ta' Alla mal-ġusti)*.

ذَٰلِكَ ٱلَّذِى يُبَشِّرُ ٱللَّهُ عِبَادَهُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ ۗ قُل لَّآ
أَسْـَٔلُكُمْ عَلَيْهِ أَجْرًا إِلَّا ٱلْمَوَدَّةَ فِى ٱلْقُرْبَىٰ ۗ وَمَن يَقْتَرِفْ حَسَنَةً نَّزِدْ
لَهُۥ فِيهَا حُسْنًا ۚ إِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ شَكُورٌ ﴿23﴾ أَمْ يَقُولُونَ ٱفْتَرَىٰ عَلَى ٱللَّهِ
كَذِبًا ۖ فَإِن يَشَإِ ٱللَّهُ يَخْتِمْ عَلَىٰ قَلْبِكَ ۗ وَيَمْحُ ٱللَّهُ ٱلْبَٰطِلَ وَيُحِقُّ ٱلْحَقَّ
بِكَلِمَٰتِهِۦٓ ۚ إِنَّهُۥ عَلِيمٌۢ بِذَاتِ ٱلصُّدُورِ ﴿24﴾ وَهُوَ ٱلَّذِى يَقْبَلُ ٱلتَّوْبَةَ
عَنْ عِبَادِهِۦ وَيَعْفُوا۟ عَنِ ٱلسَّيِّـَٔاتِ وَيَعْلَمُ مَا تَفْعَلُونَ ﴿25﴾
وَيَسْتَجِيبُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ وَيَزِيدُهُم مِّن فَضْلِهِۦ ۚ
وَٱلْكَٰفِرُونَ لَهُمْ عَذَابٌ شَدِيدٌ ﴿26﴾ ۞ وَلَوْ بَسَطَ ٱللَّهُ ٱلرِّزْقَ
لِعِبَادِهِۦ لَبَغَوْا۟ فِى ٱلْأَرْضِ وَلَٰكِن يُنَزِّلُ بِقَدَرٍ مَّا يَشَآءُ ۚ إِنَّهُۥ بِعِبَادِهِۦ
خَبِيرٌۢ بَصِيرٌ ﴿27﴾ وَهُوَ ٱلَّذِى يُنَزِّلُ ٱلْغَيْثَ مِنۢ بَعْدِ مَا قَنَطُوا۟
وَيَنشُرُ رَحْمَتَهُۥ ۚ وَهُوَ ٱلْوَلِىُّ ٱلْحَمِيدُ ﴿28﴾ وَمِنْ ءَايَٰتِهِۦ خَلْقُ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَمَا بَثَّ فِيهِمَا مِن دَآبَّةٍ ۚ وَهُوَ عَلَىٰ جَمْعِهِمْ
إِذَا يَشَآءُ قَدِيرٌ ﴿29﴾ وَمَآ أَصَٰبَكُم مِّن مُّصِيبَةٍ فَبِمَا
كَسَبَتْ أَيْدِيكُمْ وَيَعْفُوا۟ عَن كَثِيرٍ ﴿30﴾ وَمَآ أَنتُم بِمُعْجِزِينَ
فِى ٱلْأَرْضِ ۖ وَمَا لَكُم مِّن دُونِ ٱللَّهِ مِن وَلِىٍّ وَلَا نَصِيرٍ ﴿31﴾

نصف الحزب 49

23. Dik hija l-bxara t-tajba li Alla jagħti lill-qaddejja tiegħu li jemmnu u jagħmlu l-ġid. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ma nitlobkomx ħlas għalih *(dan ix-xogħol li qiegħed nagħmel fostkom bħala Profeta ta' Alla)* ħlief *(li turu miegħi)* l-imħabba ta' qraba *(tiegħi li intom, u tħalluni naqdi l-missjoni tiegħi fostkom mingħajr tfixkil u periklu)*." U min jagħmel għemil tajjeb, tiegħu nżidulu t-tajjeb. Alla tabilħaqq Kollu Maħfra u jiżżi ħajr.

24. Jaqaw qegħdin jgħidu li *(Muħammad)* qala' minn żniedu gideb dwar Alla *(meta qal li l-Qoran ġej minn Alla)*? Kieku ried, *(u kieku kien minnu li inti gdibt fuq Alla)* Alla kien iqiegħed siġill fuq qalbek *(u kien inessik il-Qoran)*. Alla jħassar il-qerq u jseddaq is-sewwa bi kliemu. Huwa tabilħaqq jaf b'kulma hemm fil-qlub.

25. Huwa li jilqa' l-indiema tal-qaddejja tiegħu, jaħfer l-għemejjel ħżiena, u jaf b'dak li tagħmlu.

26. Huwa jwieġeb lil dawk li emmnu u jagħmlu l-ġid, u jżidhom mit-tjieba tiegħu. Iżda dawk li ċaħdu t-twemmin, ikollhom kastig qalil.

27. Kieku Alla kellu jifrex il-ġid lill-qaddejja tiegħu, kieku *(dawn jitkabbru u)* jagħmlu wisq ħażen fuq l-art. Iżda Huwa jniżżel *(il-ġid)* bil-qjies li jrid. Alla tabilħaqq jaf sew il-qaddejja tiegħu, u jara *(kulma jagħmlu)*.

28. Huwa li jniżżel ix-xita wara li qatgħu jieshom, u jifrex il-ħniena tiegħu. Huwa d-Difensur li jistħoqq kull tifħir.

29. Minn fost is-sinjali tiegħu *(issibu)* il-ħolqien tas-smewwiet u l-art, u l-ħlejjaq li xerred fihom it-tnejn. U jekk irid *(u meta jrid)*, Huwa għandu s-setgħa jiġborhom *(lura lejh)*.

30. L-għawġ li laqatkom *(ġej)* minħabba dak li għamlu idejkom, iżda Huwa jħassar ħafna *(mill-ħtijiet)*.

31. Intom ma għandkomx fejn taħarbu fl-art *(kollha)*, u barra minn Alla, la għandkom min iħariskom, u lanqas min jgħinkom.

وَمِنْ ءَايَٰتِهِ ٱلْجَوَارِ فِى ٱلْبَحْرِ كَٱلْأَعْلَٰمِ ﴿32﴾ إِن يَشَأْ يُسْكِنِ ٱلرِّيحَ
فَيَظْلَلْنَ رَوَاكِدَ عَلَىٰ ظَهْرِهِۦٓ ۚ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَءَايَٰتٍ لِّكُلِّ صَبَّارٍ شَكُورٍ
﴿33﴾ أَوْ يُوبِقْهُنَّ بِمَا كَسَبُوا۟ وَيَعْفُ عَن كَثِيرٍ ﴿34﴾ وَيَعْلَمَ ٱلَّذِينَ
يُجَٰدِلُونَ فِىٓ ءَايَٰتِنَا مَا لَهُم مِّن مَّحِيصٍ ﴿35﴾ فَمَآ أُوتِيتُم مِّن شَىْءٍ فَمَتَٰعُ
ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا ۖ وَمَا عِندَ ٱللَّهِ خَيْرٌ وَأَبْقَىٰ لِلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَلَىٰ رَبِّهِمْ
يَتَوَكَّلُونَ ﴿36﴾ وَٱلَّذِينَ يَجْتَنِبُونَ كَبَٰٓئِرَ ٱلْإِثْمِ وَٱلْفَوَٰحِشَ وَإِذَا مَا
غَضِبُوا۟ هُمْ يَغْفِرُونَ ﴿37﴾ وَٱلَّذِينَ ٱسْتَجَابُوا۟ لِرَبِّهِمْ وَأَقَامُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ
وَأَمْرُهُمْ شُورَىٰ بَيْنَهُمْ وَمِمَّا رَزَقْنَٰهُمْ يُنفِقُونَ ﴿38﴾ وَٱلَّذِينَ إِذَآ أَصَابَهُمُ
ٱلْبَغْىُ هُمْ يَنتَصِرُونَ ﴿39﴾ وَجَزَٰٓؤُا۟ سَيِّئَةٍ سَيِّئَةٌ مِّثْلُهَا ۖ فَمَنْ عَفَا
وَأَصْلَحَ فَأَجْرُهُۥ عَلَى ٱللَّهِ ۚ إِنَّهُۥ لَا يُحِبُّ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿40﴾ وَلَمَنِ ٱنتَصَرَ
بَعْدَ ظُلْمِهِۦ فَأُو۟لَٰٓئِكَ مَا عَلَيْهِم مِّن سَبِيلٍ ﴿41﴾ إِنَّمَا ٱلسَّبِيلُ عَلَى ٱلَّذِينَ
يَظْلِمُونَ ٱلنَّاسَ وَيَبْغُونَ فِى ٱلْأَرْضِ بِغَيْرِ ٱلْحَقِّ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمْ
عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿42﴾ وَلَمَن صَبَرَ وَغَفَرَ إِنَّ ذَٰلِكَ لَمِنْ عَزْمِ ٱلْأُمُورِ
﴿43﴾ وَمَن يُضْلِلِ ٱللَّهُ فَمَا لَهُۥ مِن وَلِىٍّ مِّنۢ بَعْدِهِۦ ۗ وَتَرَى ٱلظَّٰلِمِينَ
لَمَّا رَأَوُا۟ ٱلْعَذَابَ يَقُولُونَ هَلْ إِلَىٰ مَرَدٍّ مِّن سَبِيلٍ ﴿44﴾

32. Minn fost is-sinjali tiegħu *(issibu)* l-iġfna fil-baħar, *(għoljin)* bħall-iġbla.
33. Kieku jrid, *(Alla)* isikket ir-riħ u *(l-iġfna)* jibqgħu mwaħħla fuq dahru *(fuq wiċċ il-baħar, bla ma jitħarrku)*. Tabilħaqq li f'dan *(hemm)* sinjali għal kulmin iżomm b'sabru u jiżżi ħajr.
34. Jew *(Alla jqanqal l-irjieħ u lill-iġfna u)* jeqridhom ta' dak li kisbu *(b'għemilhom)* – u jħassar ħafna *(ħtijiet)*.
35. Dawk li jħaqquha dwar is-sinjali tagħna għandhom ikunu jafu li ma għandhomx fejn jaħarbu *(mill-kastig)*.
36. Dak kollu li ngħatajtu ma huwiex għajr tgawdija għall-ħajja ta' *(din)* id-dinja, u dak *(il-ħlas fil-Ġenna)* li jinsab għand Alla huwa aħjar u jibqa' aktar għal dawk li jemmnu u jħallu f'idejn Sidhom;
37. dawk li jwarrbu mill-ħtijiet kbar u l-għemejjel faħxija, u meta jagħdbu, *(wara)* huma jaħfru;
38. dawk li jwieġbu lil Sidhom *(u jagħmlu r-rieda tiegħu)*, jagħmlu t-talb, li l-affarijiet tagħhom *(imexxuhom)* b'konsultazzjoni bejniethom, u jonfqu *(fil-karità għal ħaddieħor)* mill-ġid li tajniehom;
39. dawk li meta tolqothom l-inġustizzja, jiddefendu rwieħhom.
40. Il-ħlas ta' għemil ħażin huwa għemil ħażin bħalu. Min jaħfer u jsewwi l-inkwiet *(bejnu u bejn l-għadu tiegħu)*, il-ħlas tiegħu jkun f'idejn Alla. Huwa tabilħaqq ma jħobbx lill-inġusti.
41. Min jiddefendi ruħu wara inġustizzja kontrih, għal dawk ma hemm ebda triq *(ta' kundanna)* kontrihom.
42. Imma t-triq *(ta' kundanna)* hija kontra dawk li jagħmlu inġustizzja man-nies, u jagħmlu l-ħażen fl-art, mingħajr ħaqq. Dawk ikollhom kastig ta' wġigħ.
43. Min jistabar u jaħfer, tabilħaqq dan ikun wieħed mill-aqwa għemejjel.
44. U dak li Alla jtelliflu t-triq, ma jkollux min iħarsu, warajh. Se tara l-ħżiena, meta jaraw il-kastig, jgħidu: "Ma hemmx xi triq li trodd*(na lura għad-dinja)*?"

وَتَرَىٰهُمْ يُعْرَضُونَ عَلَيْهَا خَٰشِعِينَ مِنَ ٱلذُّلِّ يَنظُرُونَ
مِن طَرْفٍ خَفِيٍّ ۗ وَقَالَ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِنَّ ٱلْخَٰسِرِينَ ٱلَّذِينَ
خَسِرُوٓا۟ أَنفُسَهُمْ وَأَهْلِيهِمْ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ ۗ أَلَآ إِنَّ ٱلظَّٰلِمِينَ
فِى عَذَابٍ مُّقِيمٍ ﴿45﴾ وَمَا كَانَ لَهُم مِّنْ أَوْلِيَآءَ يَنصُرُونَهُم
مِّن دُونِ ٱللَّهِ ۗ وَمَن يُضْلِلِ ٱللَّهُ فَمَا لَهُۥ مِن سَبِيلٍ ﴿46﴾ ٱسْتَجِيبُوا۟
لِرَبِّكُم مِّن قَبْلِ أَن يَأْتِىَ يَوْمٌ لَّا مَرَدَّ لَهُۥ مِنَ ٱللَّهِ ۚ مَا لَكُم
مِّن مَّلْجَإٍ يَوْمَئِذٍ وَمَا لَكُم مِّن نَّكِيرٍ ﴿47﴾ فَإِنْ أَعْرَضُوا۟
فَمَآ أَرْسَلْنَٰكَ عَلَيْهِمْ حَفِيظًا ۖ إِنْ عَلَيْكَ إِلَّا ٱلْبَلَٰغُ ۗ وَإِنَّآ إِذَآ
أَذَقْنَا ٱلْإِنسَٰنَ مِنَّا رَحْمَةً فَرِحَ بِهَا ۖ وَإِن تُصِبْهُمْ سَيِّئَةٌۢ
بِمَا قَدَّمَتْ أَيْدِيهِمْ فَإِنَّ ٱلْإِنسَٰنَ كَفُورٌ ﴿48﴾ لِّلَّهِ مُلْكُ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۚ يَخْلُقُ مَا يَشَآءُ ۚ يَهَبُ لِمَن يَشَآءُ إِنَٰثًا
وَيَهَبُ لِمَن يَشَآءُ ٱلذُّكُورَ ﴿49﴾ أَوْ يُزَوِّجُهُمْ ذُكْرَانًا وَإِنَٰثًا ۖ
وَيَجْعَلُ مَن يَشَآءُ عَقِيمًا ۚ إِنَّهُۥ عَلِيمٌ قَدِيرٌ ﴿50﴾ ۞ وَمَا كَانَ
لِبَشَرٍ أَن يُكَلِّمَهُ ٱللَّهُ إِلَّا وَحْيًا أَوْ مِن وَرَآئِ حِجَابٍ أَوْ يُرْسِلَ
رَسُولًا فَيُوحِىَ بِإِذْنِهِۦ مَا يَشَآءُ ۚ إِنَّهُۥ عَلِىٌّ حَكِيمٌ ﴿51﴾

ثلاثة أرباع الحزب 49

45. Se tarahom jinġiebu quddiemu *(l-Infern)* umiljati minħabba l-għajb *(ta' l-għemejjel tagħhom)*, u jħarsu bis-serqa *(lejn id-dehra tal-biża' ta' quddiemhom)*. Dawk li jemmnu jgħidu *(mill-Ġenna)*: "It-tellifin tabilħaqq huma dawk li tilfu lilhom infushom u lil nieshom f'Jum il-Qawmien. Il-ħżiena tabilħaqq *(jinsabu)* f'kastig bla tmiem!"

46. Ma jkollhomx min iħarishom u jgħinhom, minbarra Alla. U dak li Alla jtellfu t-triq *(it-tajba)* ma jkollux triq *(li twasslu għas-sewwa)*.

47. Wieġbu lil Sidkom qabel ma jiġi Jum, minn Alla, li xejn *(u ħadd)* ma jista' jżommu. Dakinhar ma jkollkom ebda kenn, lanqas ma jkollkom *(jedd għaċ-)* ċaħda *(ta' dnubietkom)*.

48. Jekk ma jagħtux widen, *(kun af Muħammad li)* Aħna ma bgħatniekx għassa tagħhom. Dmirek huwa biss li xxandar *(it-tagħlim ta' l-Islam)*. Tabilħaqq li meta Aħna ndewqu lill-bniedem mill-ħniena tagħna, huwa jifraħ biha, iżda jekk tmisshom xi ħsara, minħabba dak li għamlu idejhom, tassew li l-bniedem ma jiżżix ħajr.

49. Ta' Alla *(hija)* is-saltna tas-smewwiet u ta' l-art. Huwa joħloq li jrid, u jagħti lil min irid ulied bniet, u jagħti s-subien lil min irid,

50. jew jagħtihom it-tnejn, subien u bniet. U lil min irid *(minn fost l-irġiel u n-nisa)* jagħmlu ma jistax ikollu tfal. Huwa tabilħaqq jaf kollox u fuq kollox Setgħan.

51. Qatt ma kien li bniedem ikellmu Alla, jekk mhux bi tnebbiħ, jew minn wara xi velu, jew *(inkella Alla)* jibgħat Mibgħut u jnebbaħ bir-rieda tiegħu *(lill-bniedem)* dak li jrid. Huwa tabilħaqq Għoli, Għaref.

وَكَذَٰلِكَ أَوْحَيْنَآ إِلَيْكَ رُوحًا مِّنْ أَمْرِنَا ۚ مَا كُنتَ تَدْرِى مَا ٱلْكِتَٰبُ
وَلَا ٱلْإِيمَٰنُ وَلَٰكِن جَعَلْنَٰهُ نُورًا نَّهْدِى بِهِۦ مَن نَّشَآءُ مِنْ عِبَادِنَا ۚ
وَإِنَّكَ لَتَهْدِىٓ إِلَىٰ صِرَٰطٍ مُّسْتَقِيمٍ ﴿52﴾ صِرَٰطِ ٱللَّهِ ٱلَّذِى لَهُۥ
مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِى ٱلْأَرْضِ ۗ أَلَآ إِلَى ٱللَّهِ تَصِيرُ ٱلْأُمُورُ ﴿53﴾

سُورَةُ الزُّخْرُفِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

حمٓ ﴿1﴾ وَٱلْكِتَٰبِ ٱلْمُبِينِ ﴿2﴾ إِنَّا جَعَلْنَٰهُ قُرْءَٰنًا عَرَبِيًّا
لَّعَلَّكُمْ تَعْقِلُونَ ﴿3﴾ وَإِنَّهُۥ فِىٓ أُمِّ ٱلْكِتَٰبِ لَدَيْنَا
لَعَلِىٌّ حَكِيمٌ ﴿4﴾ أَفَنَضْرِبُ عَنكُمُ ٱلذِّكْرَ صَفْحًا
أَن كُنتُمْ قَوْمًا مُّسْرِفِينَ ﴿5﴾ وَكَمْ أَرْسَلْنَا مِن نَّبِىٍّ فِى
ٱلْأَوَّلِينَ ﴿6﴾ وَمَا يَأْتِيهِم مِّن نَّبِىٍّ إِلَّا كَانُوا۟ بِهِۦ يَسْتَهْزِءُونَ
﴿7﴾ فَأَهْلَكْنَآ أَشَدَّ مِنْهُم بَطْشًا وَمَضَىٰ مَثَلُ ٱلْأَوَّلِينَ
﴿8﴾ وَلَئِن سَأَلْتَهُم مَّنْ خَلَقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ لَيَقُولُنَّ
خَلَقَهُنَّ ٱلْعَزِيزُ ٱلْعَلِيمُ ﴿9﴾ ٱلَّذِى جَعَلَ لَكُمُ ٱلْأَرْضَ
مَهْدًا وَجَعَلَ لَكُمْ فِيهَا سُبُلًا لَّعَلَّكُمْ تَهْتَدُونَ ﴿10﴾

52. Għalhekk *(Muħammad, bħalma għamilna mal-Mibgħutin l-oħra qablek)*, nebbaħniek ruħ *(li hija r-Rivelazzjoni)* bl-amar tagħna. Inti ma kontx taf x'inhu *(dan)* il-Ktieb, u lanqas it-twemmin, iżda għamilnieh dawl li bih nuru t-triq lil min irridu mill-qaddejja tagħna. Inti tabilħaqq tmexxi lejn it-triq id-dritta,
53. triq Alla li tiegħu huwa kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art. Tabilħaqq li lejn Alla kollox jerġa' lura *(għall-Ġudizzju tiegħu)*.

43. *Sūratu ż-Żuḫruf*

(Suret it-Tiżjin tad-Deheb – Niżlet f'Mekka b'89 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Ħā'. Mīm.*
2. *(Naħilfu)* fuq il-Ktieb *(tal-Qoran, li fih kollox huwa mfisser b'mod)* mill-aktar ċar.
3. Aħna tabilħaqq għamilnieh Qoran Għarbi biex forsi tifhmu.
4. Huwa tassew *(jinsab)* f'Omm il-Ktieb *(li hija l-verżjoni oriġinali li tinsab)* għandna – *(Ktieb)* wisq għoli u kollu għerf.
5. Jaqaw għandna nwarrbukom u nċaħħdukom mit-tifkira *(li hija l-Qoran)* għaliex intom nies ħatjin ħafna? *(Le! M'aħniex se nagħmlu hekk!)*
6. U kemm-il Profeta bgħatna fost nies il-qedem!
7. Ma kienx jiġihom Profeta li ma kinux jiddieħku bih.
8. Aħna qridna lil min hu akbar minnhom *(mill-Mekkin)* fil-qawwa, u diġà għadda *(u ssemma fis-suriet ta' qabel)* l-eżempju ta' nies il-qedem.
9. Jekk tistaqsihom *(Muħammad, lill-Mekkin)*: "Min ħalaq is-smewwiet u l-art?" tassew jgħidu: "Ħalaqhom il-Qawwi, li jaf kollox!"
10. Dak li għamlilkom l-art *(bħal)* friex, u għamlilkom fiha mogħdijiet *(biex tgħaddu minnhom fit-tħabrik tagħkom)*, biex forsi timxu fit-triq it-tajba,

وَٱلَّذِى نَزَّلَ مِنَ ٱلسَّمَآءِ مَآءًۢ بِقَدَرٍ فَأَنشَرْنَا بِهِۦ بَلْدَةً مَّيْتًا ۚ
كَذَٰلِكَ تُخْرَجُونَ ﴿11﴾ وَٱلَّذِى خَلَقَ ٱلْأَزْوَٰجَ كُلَّهَا وَجَعَلَ
لَكُم مِّنَ ٱلْفُلْكِ وَٱلْأَنْعَٰمِ مَا تَرْكَبُونَ ﴿12﴾ لِتَسْتَوُۥا۟ عَلَىٰ ظُهُورِهِۦ
ثُمَّ تَذْكُرُوا۟ نِعْمَةَ رَبِّكُمْ إِذَا ٱسْتَوَيْتُمْ عَلَيْهِ وَتَقُولُوا۟ سُبْحَٰنَ
ٱلَّذِى سَخَّرَ لَنَا هَٰذَا وَمَا كُنَّا لَهُۥ مُقْرِنِينَ ﴿13﴾ وَإِنَّآ إِلَىٰ رَبِّنَا
لَمُنقَلِبُونَ ﴿14﴾ وَجَعَلُوا۟ لَهُۥ مِنْ عِبَادِهِۦ جُزْءًا ۚ إِنَّ ٱلْإِنسَٰنَ
لَكَفُورٌ مُّبِينٌ ﴿15﴾ أَمِ ٱتَّخَذَ مِمَّا يَخْلُقُ بَنَاتٍ وَأَصْفَىٰكُم
بِٱلْبَنِينَ ﴿16﴾ وَإِذَا بُشِّرَ أَحَدُهُم بِمَا ضَرَبَ لِلرَّحْمَٰنِ مَثَلًا
ظَلَّ وَجْهُهُۥ مُسْوَدًّا وَهُوَ كَظِيمٌ ﴿17﴾ أَوَمَن يُنَشَّؤُا۟ فِى
ٱلْحِلْيَةِ وَهُوَ فِى ٱلْخِصَامِ غَيْرُ مُبِينٍ ﴿18﴾ وَجَعَلُوا۟ ٱلْمَلَٰٓئِكَةَ
ٱلَّذِينَ هُمْ عِبَٰدُ ٱلرَّحْمَٰنِ إِنَٰثًا ۚ أَشَهِدُوا۟ خَلْقَهُمْ ۚ سَتُكْتَبُ
شَهَٰدَتُهُمْ وَيُسْـَٔلُونَ ﴿19﴾ وَقَالُوا۟ لَوْ شَآءَ ٱلرَّحْمَٰنُ مَا عَبَدْنَٰهُمْ ۗ
مَّا لَهُم بِذَٰلِكَ مِنْ عِلْمٍ ۖ إِنْ هُمْ إِلَّا يَخْرُصُونَ ﴿20﴾ أَمْ ءَاتَيْنَٰهُمْ
كِتَٰبًا مِّن قَبْلِهِۦ فَهُم بِهِۦ مُسْتَمْسِكُونَ ﴿21﴾ بَلْ قَالُوٓا۟
إِنَّا وَجَدْنَآ ءَابَآءَنَا عَلَىٰٓ أُمَّةٍ وَإِنَّا عَلَىٰٓ ءَاثَٰرِهِم مُّهْتَدُونَ ﴿22﴾

11. u Dak li niżżel mis-sema ilma bil-qjies, u nqajmu bih art mejta – hekk *(ukoll intom)* għad tinħarġu *(mill-oqbra u titqajmu minn bejn l-imwiet)* -
12. u Dak li ħalaq kull żewġ *(ta' ħlejjaq, raġel u mara)*, u għamlilkom iġfna u frat biex tirkbu*(hom)*,
13. biex titilgħu fuq daharhom, imbagħad tiftakru fil-grazzja ta' Sidkom, meta titilgħu fuqhom, u tgħidu: "Sebħ lil Dak li qiegħed taħt idejna dan *(l-irkib hekk meħtieġ għalina)*, u ma kienx ikollna l-ħila nagħmlu dan *(waħidna)*!
14. Aħna tabilħaqq sejrin lura għand Sidna!"
15. Huma *(il-pagani)* għamlulu wħud mill-qaddejja tiegħu *(l-anġli)* parti *(mid-divinità tiegħu)*. Il-bniedem tabilħaqq ingrat, fil-berah.
16. Jaqaw *(intom il-pagani qegħdin tgħidu)* li *(Alla)*, minn dak li joħloq, għażel *(għalih)* xi bniet, u għażilkom *(biex ikollkom)* is-subien?
17. Meta wieħed minnhom jingħata l-bxara *(li twelditlu tifla, li hija)* bħal *(l-anġli)* li huwa qabbel ma' Dak *(Alla)* Kollu Ħniena *(meta qal li l-anġli huma l-bniet ta' Alla)*, wiċċu jiswied *(bin-niket)*, u jagħdab minn ġewwa.
18. Jaqaw *(ma' Alla jqabblu lil bniet, jiġifieri)* min trabba fil-ġojjelli, u li ma jafx ifisser ruħu f'tilwima?
19. *(Il-pagani)* għamlu lill-anġli, li huma l-qaddejja ta' Alla, bniet! Jaqaw raw il-ħolqien tagħhom? *(Dawn l-anġli xejn ma ħalqu!)* Se tinkiteb ix-xhieda tagħhom, u se jkunu mistoqsijin!
20. Jgħidu *(il-pagani)*: "Kieku Dak *(Alla)* Kollu Ħniena ried, aħna ma konniex inqimuhom." Dwar dan ma għandhom ebda għarfien! Ma humiex ħlief jigdbu!
21. Jaqaw tajniehom xi ktieb qablu *(dan il-Qoran)* u huma għadhom iżommu miegħu?
22. Le! Huma qalu: "Aħna tabilħaqq sibna lil missirijietna *(mexjin)* f'reliġjon, u aħna tassew mexjin fil-passi tagħhom!"

وَكَذَٰلِكَ مَآ أَرۡسَلۡنَا مِن قَبۡلِكَ فِي قَرۡيَةٖ مِّن نَّذِيرٍ إِلَّا قَالَ مُتۡرَفُوهَآ
إِنَّا وَجَدۡنَآ ءَابَآءَنَا عَلَىٰٓ أُمَّةٖ وَإِنَّا عَلَىٰٓ ءَاثَٰرِهِم مُّقۡتَدُونَ ﴿23﴾
۞ قَٰلَ أَوَلَوۡ جِئۡتُكُم بِأَهۡدَىٰ مِمَّا وَجَدتُّمۡ عَلَيۡهِ ءَابَآءَكُمۡۖ قَالُوٓاْ
إِنَّا بِمَآ أُرۡسِلۡتُم بِهِۦ كَٰفِرُونَ ﴿24﴾ فَٱنتَقَمۡنَا مِنۡهُمۡۖ فَٱنظُرۡ كَيۡفَ
كَانَ عَٰقِبَةُ ٱلۡمُكَذِّبِينَ ﴿25﴾ وَإِذۡ قَالَ إِبۡرَٰهِيمُ لِأَبِيهِ وَقَوۡمِهِۦٓ
إِنَّنِي بَرَآءٞ مِّمَّا تَعۡبُدُونَ ﴿26﴾ إِلَّا ٱلَّذِي فَطَرَنِي فَإِنَّهُۥ سَيَهۡدِينِ
﴿27﴾ وَجَعَلَهَا كَلِمَةَۢ بَاقِيَةٗ فِي عَقِبِهِۦ لَعَلَّهُمۡ يَرۡجِعُونَ ﴿28﴾ بَلۡ
مَتَّعۡتُ هَٰٓؤُلَآءِ وَءَابَآءَهُمۡ حَتَّىٰ جَآءَهُمُ ٱلۡحَقُّ وَرَسُولٞ مُّبِينٞ ﴿29﴾
وَلَمَّا جَآءَهُمُ ٱلۡحَقُّ قَالُواْ هَٰذَا سِحۡرٞ وَإِنَّا بِهِۦ كَٰفِرُونَ ﴿30﴾ وَقَالُواْ
لَوۡلَا نُزِّلَ هَٰذَا ٱلۡقُرۡءَانُ عَلَىٰ رَجُلٖ مِّنَ ٱلۡقَرۡيَتَيۡنِ عَظِيمٍ ﴿31﴾ أَهُمۡ
يَقۡسِمُونَ رَحۡمَتَ رَبِّكَۚ نَحۡنُ قَسَمۡنَا بَيۡنَهُم مَّعِيشَتَهُمۡ فِي ٱلۡحَيَوٰةِ
ٱلدُّنۡيَاۚ وَرَفَعۡنَا بَعۡضَهُمۡ فَوۡقَ بَعۡضٖ دَرَجَٰتٖ لِّيَتَّخِذَ بَعۡضُهُم
بَعۡضٗا سُخۡرِيّٗاۗ وَرَحۡمَتُ رَبِّكَ خَيۡرٞ مِّمَّا يَجۡمَعُونَ ﴿32﴾ وَلَوۡلَآ
أَن يَكُونَ ٱلنَّاسُ أُمَّةٗ وَٰحِدَةٗ لَّجَعَلۡنَا لِمَن يَكۡفُرُ بِٱلرَّحۡمَٰنِ
لِبُيُوتِهِمۡ سُقُفٗا مِّن فِضَّةٖ وَمَعَارِجَ عَلَيۡهَا يَظۡهَرُونَ ﴿33﴾

الحزب 50

23. Hekk ukoll ma bgħatniex qablek *(Muħammad)* lil min iwissi f'xi belt li l-għonja tagħha ma qalux: "Aħna tabilħaqq sibna lil missirijietna *(mexjin)* f'reliġjon, u aħna tassew mexjin fil-passi tagħhom."
24. Qal *(dak li jwissi, mibgħut minn Alla)*: "Anki jekk ġejtkom b'dak *(il-Ktieb)* li hu aħjar minn dik li sibtu lil missirijietkom mexjin fuqu?" Huma qalu: "Aħna tabilħaqq ma nemmnux f'dak li intom mibgħutin bih!"
25. Aħna tħallasna minnhom! Mela ara kif inhu tmiem dawk li jgiddbu!
26. *(Ftakar Muħammad)* meta Abraham qal lil missieru u lil niesu: "Jiena ma għandix x'naqsam ma' dak li tqimu,
27. *(u ma nagħrafx)* ħlief lil Dak li ħalaqni, u Huwa tabilħaqq se jurini t-triq!"
28. *(Din l-istqarrija)* għamilha kelma li tibqa' *(miżmuma)* f'nislu, biex forsi jerġgħu lura *(għat-twemmin veru)*.
29. Le! Jiena tajt lil dawn *(il-pagani)* u lil missirijiethom tgawdija *(f'ħajjithom)* sa ma ġiehom is-sewwa, u *(ġiehom)* Mibgħut li jfisser biċ-ċar.
30. U meta ġiehom is-sewwa, qalu: "Dan seħer, u aħna tabilħaqq ma nemmnux fih!"
31. Qalu *(il-pagani)*: "Għaliex dan il-Qoran ma tniżżilx lil xi raġel kbir *(fil-ġieħ)* miż-żewġt ibliet *(ewlenin fil-peniżola Għarbija, Mekka u Ṭā'if)*?"
32. Jaqaw huma jqassmu l-ħniena ta' Sidek *(kif jidhrilhom)*? Aħna qassamna bejniethom l-għajxien tagħhom fil-ħajja *(ta' din)* id-dinja, u lil uħud minnhom erfajniehom fuq oħrajn, f'livelli *(differenti)*, biex uħud minnhom jinqdew b'oħrajn biex jaqduhom. Il-ħniena ta' Sidek hija aħjar minn dak *(il-ġid materjali)* li jiġmgħu.
33. U li mhux għaliex kieku n-nies kienu jsiru nazzjon wieħed *(ta' ħażen)*, konna nagħmlu d-djar ta' dawk li jiċħdu lil Dak *(Alla)* Kollu Ħniena b'soqfa tal-fidda, u turġien *(tal-fidda)* biex jitilgħu fuqhom,

وَلِبُيُوتِهِمْ أَبْوَٰبًا وَسُرُرًا عَلَيْهَا يَتَّكِـُٔونَ ﴿34﴾ وَزُخْرُفًا ۚ وَإِن
كُلُّ ذَٰلِكَ لَمَّا مَتَٰعُ ٱلْحَيَوٰةِ ٱلدُّنْيَا ۚ وَٱلْـَٔاخِرَةُ عِندَ رَبِّكَ
لِلْمُتَّقِينَ ﴿35﴾ وَمَن يَعْشُ عَن ذِكْرِ ٱلرَّحْمَٰنِ نُقَيِّضْ لَهُۥ شَيْطَٰنًا
فَهُوَ لَهُۥ قَرِينٌ ﴿36﴾ وَإِنَّهُمْ لَيَصُدُّونَهُمْ عَنِ ٱلسَّبِيلِ وَيَحْسَبُونَ
أَنَّهُم مُّهْتَدُونَ ﴿37﴾ حَتَّىٰٓ إِذَا جَآءَنَا قَالَ يَٰلَيْتَ بَيْنِى وَبَيْنَكَ
بُعْدَ ٱلْمَشْرِقَيْنِ فَبِئْسَ ٱلْقَرِينُ ﴿38﴾ وَلَن يَنفَعَكُمُ ٱلْيَوْمَ
إِذ ظَّلَمْتُمْ أَنَّكُمْ فِى ٱلْعَذَابِ مُشْتَرِكُونَ ﴿39﴾ أَفَأَنتَ تُسْمِعُ
ٱلصُّمَّ أَوْ تَهْدِى ٱلْعُمْىَ وَمَن كَانَ فِى ضَلَٰلٍ مُّبِينٍ ﴿40﴾
فَإِمَّا نَذْهَبَنَّ بِكَ فَإِنَّا مِنْهُم مُّنتَقِمُونَ ﴿41﴾ أَوْ نُرِيَنَّكَ ٱلَّذِى
وَعَدْنَٰهُمْ فَإِنَّا عَلَيْهِم مُّقْتَدِرُونَ ﴿42﴾ فَٱسْتَمْسِكْ بِٱلَّذِىٓ أُوحِىَ
إِلَيْكَ ۖ إِنَّكَ عَلَىٰ صِرَٰطٍ مُّسْتَقِيمٍ ﴿43﴾ وَإِنَّهُۥ لَذِكْرٌ لَّكَ وَلِقَوْمِكَ ۖ
وَسَوْفَ تُسْـَٔلُونَ ﴿44﴾ وَسْـَٔلْ مَنْ أَرْسَلْنَا مِن قَبْلِكَ مِن رُّسُلِنَآ
أَجَعَلْنَا مِن دُونِ ٱلرَّحْمَٰنِ ءَالِهَةً يُعْبَدُونَ ﴿45﴾ وَلَقَدْ أَرْسَلْنَا
مُوسَىٰ بِـَٔايَٰتِنَآ إِلَىٰ فِرْعَوْنَ وَمَلَإِيْهِۦ فَقَالَ إِنِّى رَسُولُ
رَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿46﴾ فَلَمَّا جَآءَهُم بِـَٔايَٰتِنَآ إِذَا هُم مِّنْهَا يَضْحَكُونَ ﴿47﴾

34. u għal djarhom *(konna nagħmlu)* bwieb u divani *(kollox tal-fidda)* biex jimteddu fuqhom,
35. u tiżjin tad-deheb. Dak kollu ma huwiex għajr tgawdija fil-ħajja *(f'din)* id-dinja, iżda *(il-Ħajja)* l-Oħra *(hija merfugħa)* għand Sidek, għal dawk li jibżgħu minnu.
36. Min jagħlaq għajnejh għat-tifkira ta' Dak *(Alla)* Kollu Ħniena, nħejjulu xitan, u jkun imsieħeb miegħu *(bla ma jitilqu)*.
37. Huma *(ix-xjaten)* tabilħaqq iżommuhom mit-triq *(ta' l-Islam)* u jaħsbu li huma mexjin fit-triq it-tajba.
38. Meta *(il-bniedem bla twemmin)* jiġi għandna *(f'Jum il-Ħaqq)* huwa jgħid *(lil dak li ssieħeb miegħu fi triq il-ħażen)*: "Mhux li bejni u bejnek kien hemm il-bogħod tal-Lvant mill-Punent!" Ta' għajb is-sieħeb!
39. Ma huwa se jiswielkom xejn, illum, li intom imseħbin fil-kastig, ġaladarba għamiltu l-ħażen!
40. Jaqaw inti *(Muħammad)* li ssemma' lit-trux, jew li turi t-triq lill-għomja u lil min hu f'telfien ċar?
41. Jekk neħdulek ħajtek *(qabel ma nitħallsu mill-ħżiena, kun af li)* Aħna tabilħaqq se nitħallsu minnhom *(wara mewtek)*.
42. Jew nuruk *(Muħammad, il-kastig)* li wegħedniehom. Aħna tabilħaqq għandna s-setgħa fuqhom *(u ma humiex se jaħarbulna)*.
43. Għalhekk żomm sħiħ *(Muħammad)* ma' dak li tnebbaħlek! Inti tabilħaqq fi triq dritta.
44. Huwa *(il-Qoran)* tifkira *(u ġieħ)* lilek u lil niesek, u għad tkunu mistoqsijin.
45. Staqsi lil min bgħatna qablek mill-Mibgħutin tagħna jekk għamilniex allat *(oħra)* biex ikunu meqjuma minflok Dak *(Alla)* Kollu Ħniena?
46. Tassew li bgħatna lil Mosè bis-sinjali tagħna għand il-Fargħun u l-kbarat tiegħu, u qal*(lu)*: "Jiena tabilħaqq il-Mibgħut ta' Sid il-ħolqien!"
47. U meta ġiehom bis-sinjali tagħna, ara, huma ddieħku bihom!

وَمَا نُرِيهِم مِّنْ ءَايَةٍ إِلَّا هِىَ أَكْبَرُ مِنْ أُخْتِهَا ۖ وَأَخَذْنَٰهُم
بِٱلْعَذَابِ لَعَلَّهُمْ يَرْجِعُونَ ﴿48﴾ وَقَالُوا۟ يَٰٓأَيُّهَ ٱلسَّاحِرُ ٱدْعُ لَنَا
رَبَّكَ بِمَا عَهِدَ عِندَكَ إِنَّنَا لَمُهْتَدُونَ ﴿49﴾ فَلَمَّا كَشَفْنَا عَنْهُمُ
ٱلْعَذَابَ إِذَا هُمْ يَنكُثُونَ ﴿50﴾ وَنَادَىٰ فِرْعَوْنُ فِى قَوْمِهِۦ
قَالَ يَٰقَوْمِ أَلَيْسَ لِى مُلْكُ مِصْرَ وَهَٰذِهِ ٱلْأَنْهَٰرُ تَجْرِى مِن
تَحْتِىٓ ۖ أَفَلَا تُبْصِرُونَ ﴿51﴾ أَمْ أَنَا۠ خَيْرٌ مِّنْ هَٰذَا ٱلَّذِى هُوَ مَهِينٌ
وَلَا يَكَادُ يُبِينُ ﴿52﴾ فَلَوْلَآ أُلْقِىَ عَلَيْهِ أَسْوِرَةٌ مِّن ذَهَبٍ أَوْ جَآءَ
مَعَهُ ٱلْمَلَٰٓئِكَةُ مُقْتَرِنِينَ ﴿53﴾ فَٱسْتَخَفَّ قَوْمَهُۥ
فَأَطَاعُوهُ ۚ إِنَّهُمْ كَانُوا۟ قَوْمًا فَٰسِقِينَ ﴿54﴾ فَلَمَّآ ءَاسَفُونَا
ٱنتَقَمْنَا مِنْهُمْ فَأَغْرَقْنَٰهُمْ أَجْمَعِينَ ﴿55﴾ فَجَعَلْنَٰهُمْ
سَلَفًا وَمَثَلًا لِّلْءَاخِرِينَ ﴿56﴾ ۞ وَلَمَّا ضُرِبَ ٱبْنُ مَرْيَمَ
مَثَلًا إِذَا قَوْمُكَ مِنْهُ يَصِدُّونَ ﴿57﴾ وَقَالُوٓا۟ ءَأَٰلِهَتُنَا
خَيْرٌ أَمْ هُوَ ۚ مَا ضَرَبُوهُ لَكَ إِلَّا جَدَلًۢا ۚ بَلْ هُمْ قَوْمٌ خَصِمُونَ ﴿58﴾
إِنْ هُوَ إِلَّا عَبْدٌ أَنْعَمْنَا عَلَيْهِ وَجَعَلْنَٰهُ مَثَلًا لِّبَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ
﴿59﴾ وَلَوْ نَشَآءُ لَجَعَلْنَا مِنكُم مَّلَٰٓئِكَةً فِى ٱلْأَرْضِ يَخْلُفُونَ ﴿60﴾

ربع الحزب 50

48. U ma wrejnihomx sinjal li ma kienx akbar minn ieħor bħalu, u ħadniehom *(għal għarrieda)* bil-kastig biex forsi jerġgħu lura *(fit-triq it-tajba)*.
49. Huma qalu *(hekk meta raw il-kastig)*: "Ja saħħar, sejjaħ lil Sidek għalina, skond il-patt li għamel miegħek. *(Jekk Huwa jeħlisna mill-kastig)*, aħna tabilħaqq se nimxu fit-triq it-tajba!"
50. U meta neħħejna l-kastig minn fuqhom, arahom jiksru l-patt *(u jerġgħu għalli kienu)*.
51. Il-Fargħun sejjaħ lil niesu. Qal: "Ja niesi, jaqaw ma għandix is-saltna ta' l-Eġittu u dawn ix-xmajjar jiġru taħti? Mela ma tarawx?
52. Mela m'iniex aħjar minn dan *(Mosè)* li huwa mkasbar, u li bilkemm jaf jitkellem ċar?
53. Għaliex ma tniżżlulux brazzuletti tad-deheb *(mingħand Alla)*, jew ġew l-anġli mseħbin miegħu?"
54. Għalhekk *(il-Fargħun)* iddieħek b'niesu, u huma obdewh. Huma tabilħaqq kienu nies ħżiena.
55. Għalhekk meta xegħlu l-għadab tagħna, Aħna tħallasna minnhom u għerriqniehom kollha kemm huma,
56. u għamilniehom ħaġa ta' l-imgħoddi, u eżempju għall-oħrajn *(li jiġu warajhom)*.
57. Meta *(Ġesù)* bin Marija ngħata b'eżempju *(għall-Mekkin)*, ara*(hom)* niesek *(Muħammad)* jgħajtu *(bi tkasbir)* minħabba dan.
58. Huma jgħidu: "Min hu l-aħjar, l-allat tagħna jew huwa *(Ġesù)*?" Ma jgħiduhx *(dan il-kliem)* jekk mhux biex jitlewmu *(u mhux għaliex iridu jsiru jafu)*. Le! Huma nies li jħobbu t-tilwim *(u joħolqu l-mibegħda)*.
59. Huwa *(Ġesù)* ma huwiex għajr qaddej li fuqu xħetna l-grazzja tagħna u għamilnieh eżempju għal Ulied Israel.
60. Kieku ridna, konna nqiegħdu minflokkom anġli biex ikunu s-suċċessuri *(tagħkom)* fl-art.

وَإِنَّهُۥ لَعِلْمٌ لِّلسَّاعَةِ فَلَا تَمْتَرُنَّ بِهَا وَاتَّبِعُونِ ۚ هَٰذَا صِرَٰطٌ
مُّسْتَقِيمٌ ﴿61﴾ وَلَا يَصُدَّنَّكُمُ ٱلشَّيْطَٰنُ ۖ إِنَّهُۥ لَكُمْ عَدُوٌّ مُّبِينٌ
﴿62﴾ وَلَمَّا جَآءَ عِيسَىٰ بِٱلْبَيِّنَٰتِ قَالَ قَدْ جِئْتُكُم بِٱلْحِكْمَةِ
وَلِأُبَيِّنَ لَكُم بَعْضَ ٱلَّذِى تَخْتَلِفُونَ فِيهِ ۖ فَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَأَطِيعُونِ
﴿63﴾ إِنَّ ٱللَّهَ هُوَ رَبِّى وَرَبُّكُمْ فَٱعْبُدُوهُ ۚ هَٰذَا صِرَٰطٌ مُّسْتَقِيمٌ
﴿64﴾ فَٱخْتَلَفَ ٱلْأَحْزَابُ مِنۢ بَيْنِهِمْ ۖ فَوَيْلٌ لِّلَّذِينَ ظَلَمُوا۟
مِنْ عَذَابِ يَوْمٍ أَلِيمٍ ﴿65﴾ هَلْ يَنظُرُونَ إِلَّا ٱلسَّاعَةَ أَن
تَأْتِيَهُم بَغْتَةً وَهُمْ لَا يَشْعُرُونَ ﴿66﴾ ٱلْأَخِلَّآءُ يَوْمَئِذٍۭ
بَعْضُهُمْ لِبَعْضٍ عَدُوٌّ إِلَّا ٱلْمُتَّقِينَ ﴿67﴾ يَٰعِبَادِ لَا خَوْفٌ
عَلَيْكُمُ ٱلْيَوْمَ وَلَآ أَنتُمْ تَحْزَنُونَ ﴿68﴾ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَا
وَكَانُوا۟ مُسْلِمِينَ ﴿69﴾ ٱدْخُلُوا۟ ٱلْجَنَّةَ أَنتُمْ وَأَزْوَٰجُكُمْ
تُحْبَرُونَ ﴿70﴾ يُطَافُ عَلَيْهِم بِصِحَافٍ مِّن ذَهَبٍ وَأَكْوَابٍ ۖ
وَفِيهَا مَا تَشْتَهِيهِ ٱلْأَنفُسُ وَتَلَذُّ ٱلْأَعْيُنُ ۖ وَأَنتُمْ فِيهَا
خَٰلِدُونَ ﴿71﴾ وَتِلْكَ ٱلْجَنَّةُ ٱلَّتِىٓ أُورِثْتُمُوهَا بِمَا كُنتُمْ
تَعْمَلُونَ ﴿72﴾ لَكُمْ فِيهَا فَٰكِهَةٌ كَثِيرَةٌ مِّنْهَا تَأْكُلُونَ ﴿73﴾

61. *(Ġesù)* huwa tabilħaqq sinjal tas-Siegħa *(tal-Qawmien mill-imwiet)*. Mela tiddubitawx fiha, u *(għidilhom Muħammad)*: "Imxu warajja! Din triq dritta!"
62. La *(tħallux)* li x-Xitan iżommkom *(milli timxu fit-triq it-tajba)*. Huwa tabilħaqq għadu fil-beraħ tagħkom.
63. U meta Ġesù ġie bis-sinjali ċ-ċari, huwa qal: "Ġejtkom bl-għerf, u biex infissrilkom ftit minn dak li ma qbiltux fuqu. Mela ibżgħu minn Alla, u obduni!
64. Alla tabilħaqq huwa Sidi u Sidkom. Mela qimuh! Din triq dritta!"
65. Iżda l-ġemgħat ma qablux bejniethom, u ħażin għal dawk li għamlu l-ħażen minħabba l-kastig tal-Jum ta' wġigħ!
66. Jaqaw ma jistennewx ħlief li tiġihom is-Siegħa għal għarrieda, meta huma ma jintebħux?
67. Dakinhar il-ħbieb ikunu għedewwa ta' xulxin, ħlief dawk *(il-ġusti)* li jibżgħu minn Alla.
68. Ja qaddejja tiegħi, ebda biża' ma jkun fuqkom illum, u intom ma titnikktux,
69. *(għaliex intom minn)* dawk li emmnu fis-sinjali tagħna u kienu Misilmin.
70. Idħlu l-Ġenna, intom *(il-ġusti)* u n-nisa tagħkom, u tithennew!
71. Jitqassmulhom platti tad-deheb u bwieqi, u fiha *(il-Ġenna)* jinsab dak *(kollu)* li jixtiequ l-erwieħ u *(li bih)* jitgħaxxqu l-għajnejn. Intom fiha tibqgħu għal dejjem.
72. Dik hija l-Ġenna li ngħatajtu b'wirt, ta' dak *(il-ġid)* li kontu tagħmlu.
73. Fiha għandkom frott kotran; minnu tieklu.

إِنَّ ٱلْمُجْرِمِينَ فِى عَذَابِ جَهَنَّمَ خَٰلِدُونَ ﴿74﴾ لَا يُفَتَّرُ عَنْهُمْ وَهُمْ
فِيهِ مُبْلِسُونَ ﴿75﴾ وَمَا ظَلَمْنَٰهُمْ وَلَٰكِن كَانُوا۟ هُمُ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿76﴾
وَنَادَوْا۟ يَٰمَٰلِكُ لِيَقْضِ عَلَيْنَا رَبُّكَ ۖ قَالَ إِنَّكُم مَّٰكِثُونَ ﴿77﴾ لَقَدْ
جِئْنَٰكُم بِٱلْحَقِّ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَكُمْ لِلْحَقِّ كَٰرِهُونَ ﴿78﴾ أَمْ أَبْرَمُوٓا۟ أَمْرًا
فَإِنَّا مُبْرِمُونَ ﴿79﴾ أَمْ يَحْسَبُونَ أَنَّا لَا نَسْمَعُ سِرَّهُمْ وَنَجْوَىٰهُم ۚ بَلَىٰ
وَرُسُلُنَا لَدَيْهِمْ يَكْتُبُونَ ﴿80﴾ قُلْ إِن كَانَ لِلرَّحْمَٰنِ وَلَدٌ ۖ فَأَنَا۠ أَوَّلُ
ٱلْعَٰبِدِينَ ﴿81﴾ سُبْحَٰنَ رَبِّ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ رَبِّ ٱلْعَرْشِ
عَمَّا يَصِفُونَ ﴿82﴾ فَذَرْهُمْ يَخُوضُوا۟ وَيَلْعَبُوا۟ حَتَّىٰ يُلَٰقُوا۟ يَوْمَهُمُ
ٱلَّذِى يُوعَدُونَ ﴿83﴾ وَهُوَ ٱلَّذِى فِى ٱلسَّمَآءِ إِلَٰهٌ وَفِى ٱلْأَرْضِ
إِلَٰهٌ ۚ وَهُوَ ٱلْحَكِيمُ ٱلْعَلِيمُ ﴿84﴾ وَتَبَارَكَ ٱلَّذِى لَهُۥ مُلْكُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضِ وَمَا بَيْنَهُمَا وَعِندَهُۥ عِلْمُ ٱلسَّاعَةِ وَإِلَيْهِ تُرْجَعُونَ
﴿85﴾ وَلَا يَمْلِكُ ٱلَّذِينَ يَدْعُونَ مِن دُونِهِ ٱلشَّفَٰعَةَ إِلَّا مَن
شَهِدَ بِٱلْحَقِّ وَهُمْ يَعْلَمُونَ ﴿86﴾ وَلَئِن سَأَلْتَهُم مَّنْ خَلَقَهُمْ
لَيَقُولُنَّ ٱللَّهُ ۖ فَأَنَّىٰ يُؤْفَكُونَ ﴿87﴾ وَقِيلِهِۦ يَٰرَبِّ إِنَّ هَٰٓؤُلَآءِ قَوْمٌ
لَّا يُؤْمِنُونَ ﴿88﴾ فَٱصْفَحْ عَنْهُمْ وَقُلْ سَلَٰمٌ ۚ فَسَوْفَ يَعْلَمُونَ ﴿89﴾

74. Tassew li l-ħatjin *(ikunu)* fil-kastig ta' l-Infern għal dejjem.
75. Ma jithaffilhomx *(il-kastig)*, u fih huma jaqtgħu jieshom għal kollox.
76. Mhux Aħna li nqasna lejhom, iżda kienu huma li naqsu *(lejna u għamlu l-ħażen)*.
77. U *(il-ħżiena)* sejħu *(lil Mālik, l-għassies ta' l-Infern, u qalulu)*: "Ja Mālik, ħalli jeqridna Sidek *(u b'hekk nistrieħu minn dan il-kastig)*." Qal*(ilhom Mālik)*: "Intom tabilaqq se tibqgħu *(fil-kastig għal dejjem)*!"
78. Tabilħaqq li ġejniekom bis-sewwa, iżda l-kotra fostkom joboghdu s-sewwa.
79. Jaqaw *(il-pagani Mekkin)* iddeċidew bejniethom dwar il-kwistjoni *(ta' kif inassu kontra Muħammad)*? Aħna tabilħaqq iddeċidejna *(li ngħinuh u neħilsuh mill-ħażen tal-Mekkin)*.
80. Jaqaw jaħsbu li Aħna ma nisimgħux is-sigriet tagħhom u t-taħdit ta' bejniethom? Mela *(nisimgħuhom)*, u *(l-anġli)* il-Mibgħutin tagħna jinsabu għandhom, jiktbu *(l-għemejjel tagħhom)*.
81. Għid *(Muħammad)*: "Kieku Dak *(Alla)* Kollu Ħniena kellu wild, jiena kont inkun l-ewwel fost dawk li jqimu!"
82. Sebħ lil Sid is-smewwiet u l-art, Sid it-Tron, *(għaliex huwa ogħla)* minn dak li jaqilgħu *(dwaru)*.
83. Mela ħallihom *(Muħammad)* iħawdu u jilagħbu *(bil-kliem fieragħ)*, sa ma jiltaqgħu mal-Jum tagħhom *(Jum il-Qawmien)* li kienu mwegħdin.
84. Huwa Dak li fis-sema huwa Alla, u fl-art huwa Alla. Huwa l-Għaref, jaf kollox.
85. Jitbierek Dak li tiegħu hija s-saltna tas-smewwiet u ta' l-art, u dak li hemm bejniethom. Għandu l-għarfien tas-siegħa, u lejh titreġġgħu *(f'Jum il-Qawmien)*.
86. Dawk *(l-allat l-oħra)* li *(in-nies)* isejħu minfloku *(minflok Alla)* ma għandhom il-jedd jaqbżu għal ħadd, ħlief dak *(minnhom)* li jixhed għas-sewwa, u huma jafu *(is-sewwa)*.
87. U jekk tistaqsihom *(Muħammad)* min ħalaqhom, huma tassew jgħidu*(lek)*: "Alla!" Mela kif jitqarrqu?
88. Kliemu *(Muħammad, kien)*: "Ja Sidi, dawn *(il-Mekkin)* huma tabilħaqq nies li ma jemmnux!"
89. Għalhekk *(Muħammad)* aħfrilhom u għid: "Sliem!" Huma *(dalwaqt)* se jkunu jafu.

سُورَةُ الدُّخَانِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

حمٓ ﴿1﴾ وَالْكِتَابِ الْمُبِينِ ﴿2﴾ إِنَّا أَنزَلْنَاهُ فِي لَيْلَةٍ
مُّبَارَكَةٍ إِنَّا كُنَّا مُنذِرِينَ ﴿3﴾ فِيهَا يُفْرَقُ كُلُّ أَمْرٍ حَكِيمٍ ﴿4﴾
أَمْرًا مِّنْ عِندِنَا إِنَّا كُنَّا مُرْسِلِينَ ﴿5﴾ رَحْمَةً مِّن رَّبِّكَ إِنَّهُ هُوَ
السَّمِيعُ الْعَلِيمُ ﴿6﴾ رَبِّ السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضِ وَمَا بَيْنَهُمَا
إِن كُنتُم مُّوقِنِينَ ﴿7﴾ لَا إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ يُحْيِي وَيُمِيتُ رَبُّكُمْ
وَرَبُّ آبَائِكُمُ الْأَوَّلِينَ ﴿8﴾ بَلْ هُمْ فِي شَكٍّ يَلْعَبُونَ
﴿9﴾ فَارْتَقِبْ يَوْمَ تَأْتِي السَّمَاءُ بِدُخَانٍ مُّبِينٍ ﴿10﴾ يَغْشَى
النَّاسَ هَٰذَا عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿11﴾ رَبَّنَا اكْشِفْ عَنَّا الْعَذَابَ
إِنَّا مُؤْمِنُونَ ﴿12﴾ أَنَّىٰ لَهُمُ الذِّكْرَىٰ وَقَدْ جَاءَهُمْ رَسُولٌ مُّبِينٌ ﴿13﴾
ثُمَّ تَوَلَّوْا عَنْهُ وَقَالُوا مُعَلَّمٌ مَّجْنُونٌ ﴿14﴾ إِنَّا كَاشِفُوا الْعَذَابِ قَلِيلًا
إِنَّكُمْ عَائِدُونَ ﴿15﴾ يَوْمَ نَبْطِشُ الْبَطْشَةَ الْكُبْرَىٰ إِنَّا مُنتَقِمُونَ
﴿16﴾ ۞ وَلَقَدْ فَتَنَّا قَبْلَهُمْ قَوْمَ فِرْعَوْنَ وَجَاءَهُمْ رَسُولٌ
كَرِيمٌ ﴿17﴾ أَنْ أَدُّوا إِلَيَّ عِبَادَ اللَّهِ إِنِّي لَكُمْ رَسُولٌ أَمِينٌ ﴿18﴾

نصف الحزب 50

44. *Sūratu d-Duḫān*

(Suret id-Duħħan – Niżlet f'Mekka b'59 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Ħā'. Mīm.*
2. *(Naħilfu)* fuq il-Ktieb *(tal-Qoran li fih kollox huwa mfisser b'mod)* mill-aktar ċar.
3. Aħna tabilħaqq niżżilnieh f'lejla mbierka. Aħna tabilħaqq *(dejjem)* inwissu.
4. Fiha *(dik il-lejla)* kull kwistjoni tinqata' darba għal dejjem,
5. b'amar mingħandna. Aħna tabilħaqq nibagħtu *(il-Mibgħutin tagħna)*,
6. bi ħniena minn Sidek *(Muħammad)*. Huwa tabilħaqq jisma' kollox u jaf kollox;
7. Sid is-smewwiet u l-art, u dak li jinsab bejniethom, jekk intom tassew temmnu.
8. Ma hemmx alla ħliefu. Jagħti l-ħajja u l-mewt. Sidkom u Sid missirijietkom tal-qedem.
9. Iżda huma jinsabu f'dubju, *(u jedħew)* u jilagħbu.
10. Għalhekk stenna *(Muħammad)* il-Jum li fih is-sema jġib duħħan jidher
11. li jiksi lin-nies. Dan kastig ta' wġigħ!
12. *(Il-ħżiena jgħidu:)* "Sidna, neħħi minn fuqna l-kastig. Aħna tabilħaqq nemmnu!"
13. Kif jistgħu jiftakru *(fis-sewwa)* meta *(diġà)* ġiehom Mibgħut li jfisser biċ-ċar *(ir-Rivelazzjoni ta' Alla)*,
14. imbagħad tawh daharhom *(u ma tawx widen)*, u qalu: "Mgħallem *(minn ħaddieħor dan Muħammad)*; miġnun!"
15. Aħna tabilħaqq innehħu *(minn fuqkom il-ħżiena)* il-kastig għal ftit. Intom tabilħaqq se terġgħu lura *(għalli kontu)*.
16. Fil-Jum meta naqbdu*(hom)* qabda kbira *(u nagħtuhom il-kastig misthoqq)*, Aħna tabilħaqq inpattuha *(lill-ħżiena)*!
17. Aħna tassew ġarrabna qabilhom lil nies il-Fargħun, meta ġiehom *(Mosè)* Mibgħut kollu ġieh,
18. *(u qalilhom)* "Agħtuni l-qaddejja ta' Alla *(Ulied Israel)*! Jiena tabilħaqq Mibgħut li tistgħu toqogħdu fuqu."

وَأَن لَّا تَعْلُوا عَلَى اللَّهِ ۖ إِنِّي آتِيكُم بِسُلْطَانٍ مُّبِينٍ ﴿19﴾ وَإِنِّي عُذْتُ
بِرَبِّي وَرَبِّكُمْ أَن تَرْجُمُونِ ﴿20﴾ وَإِن لَّمْ تُؤْمِنُوا لِي فَاعْتَزِلُونِ ﴿21﴾ فَدَعَا
رَبَّهُ أَنَّ هَٰؤُلَاءِ قَوْمٌ مُّجْرِمُونَ ﴿22﴾ فَأَسْرِ بِعِبَادِي لَيْلًا إِنَّكُم
مُّتَّبَعُونَ ﴿23﴾ وَاتْرُكِ الْبَحْرَ رَهْوًا ۖ إِنَّهُمْ جُندٌ مُّغْرَقُونَ ﴿24﴾ كَمْ
تَرَكُوا مِن جَنَّاتٍ وَعُيُونٍ ﴿25﴾ وَزُرُوعٍ وَمَقَامٍ كَرِيمٍ ﴿26﴾ وَنَعْمَةٍ
كَانُوا فِيهَا فَاكِهِينَ ﴿27﴾ كَذَٰلِكَ ۖ وَأَوْرَثْنَاهَا قَوْمًا آخَرِينَ ﴿28﴾
فَمَا بَكَتْ عَلَيْهِمُ السَّمَاءُ وَالْأَرْضُ وَمَا كَانُوا مُنظَرِينَ ﴿29﴾ وَلَقَدْ
نَجَّيْنَا بَنِي إِسْرَائِيلَ مِنَ الْعَذَابِ الْمُهِينِ ﴿30﴾ مِن فِرْعَوْنَ ۚ إِنَّهُ
كَانَ عَالِيًا مِّنَ الْمُسْرِفِينَ ﴿31﴾ وَلَقَدِ اخْتَرْنَاهُمْ عَلَىٰ عِلْمٍ عَلَى
الْعَالَمِينَ ﴿32﴾ وَآتَيْنَاهُم مِّنَ الْآيَاتِ مَا فِيهِ بَلَاءٌ مُّبِينٌ
﴿33﴾ إِنَّ هَٰؤُلَاءِ لَيَقُولُونَ ﴿34﴾ إِنْ هِيَ إِلَّا مَوْتَتُنَا الْأُولَىٰ وَمَا
نَحْنُ بِمُنشَرِينَ ﴿35﴾ فَأْتُوا بِآبَائِنَا إِن كُنتُمْ صَادِقِينَ ﴿36﴾ أَهُمْ
خَيْرٌ أَمْ قَوْمُ تُبَّعٍ وَالَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ ۚ أَهْلَكْنَاهُمْ ۖ إِنَّهُمْ كَانُوا مُجْرِمِينَ
﴿37﴾ وَمَا خَلَقْنَا السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضَ وَمَا بَيْنَهُمَا لَاعِبِينَ ﴿38﴾
مَا خَلَقْنَاهُمَا إِلَّا بِالْحَقِّ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿39﴾

19. *(U qalilhom ukoll)* "La togħlewx fuq Alla! Jiena tabilħaqq ġej għandkom bi prova ċara.
20. Jiena tabilħaqq nistkenn f'Sidi u f'Sidkom, li ma tmorrux tħaġġruni.
21. Jekk ma temmnunix, warrbu minni!"
22. U sejjaħ *(Mosè)* lil Sidu: "Dawn tabilħaqq nies ħatjin!"
23. *(Mosè ħa din it-tweġiba)*: "Itlaq bil-qaddejja tiegħi, billejl! Intom tabilħaqq se jkollkom min jiġi għal warajkom *(il-Fargħun u niesu)*.
24. U ħalli l-baħar mifrud *(warajk, bħal foss)*; huma tabilħaqq suldati mgħerrqin!"
25. Kemm-il ġnien u għajn ta' l-ilma ħallew warajhom,
26. u raba' miżrugħ u mkejjen sbieħ,
27. u *(kull)* grazzja li kienu jitgħaxxqu biha!
28. Hekk *(għamilna)*, u *(dak il-ġid kollu)* tajnieh b'wirt lil nies oħra.
29. Ma bkewx għalihom is-sema u l-art, u ma ngħatawx aktar żmien.
30. Aħna tassew ħlisna lil Ulied Israel mit-tbatija ta' tkasbir
31. tal-Fargħun. Huwa tabilħaqq kien imkabbar, minn dawk wisq ħatjin.
32. Aħna tassew għażilniehom *(lil Ulied Israel)*, fl-għarfien *(tagħna)*, fuq il-ħolqien *(ta' żmienhom)*,
33. u tajniehom mis-sinjali *(tagħna)* dak li fih tiġrib biċ-ċar.
34. Dawn *(il-pagani ta' Qurajx)* tabilħaqq jgħidu:
35. "Din ma hijiex ħlief l-ewwel *(u l-aħħar)* mewta tagħna, u m'aħniex se nitqajmu *(minnha)*.
36. Għalhekk ġibu *(lura mill-mewt)* lil missirijietna, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa!"
37. Jaqaw *(dawn il-pagani)* huma l-aħjar, jew nies Tubbagħ *(nies is-saltna ta' Saba, fil-Jemen, li kellhom wisq ġid materjali)* u dawk ta' qabilhom? Aħna qridniehom. Huma tabilħaqq kienu ħatjin.
38. Aħna ma ħlaqniex is-smewwiet u l-art, u dak li hemm bejniethom, bil-logħob.
39. Ma ħlaqnihomx jekk mhux bis-sewwa, iżda l-kotra tagħhom ma jafux.

إِنَّ يَوْمَ ٱلْفَصْلِ مِيقَٰتُهُمْ أَجْمَعِينَ ﴿40﴾ يَوْمَ لَا يُغْنِى مَوْلًى
عَن مَّوْلًى شَيْـًٔا وَلَا هُمْ يُنصَرُونَ ﴿41﴾ إِلَّا مَن رَّحِمَ ٱللَّهُ
إِنَّهُۥ هُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلرَّحِيمُ ﴿42﴾ إِنَّ شَجَرَتَ ٱلزَّقُّومِ ﴿43﴾
طَعَامُ ٱلْأَثِيمِ ﴿44﴾ كَٱلْمُهْلِ يَغْلِى فِى ٱلْبُطُونِ ﴿45﴾ كَغَلْىِ
ٱلْحَمِيمِ ﴿46﴾ خُذُوهُ فَٱعْتِلُوهُ إِلَىٰ سَوَآءِ ٱلْجَحِيمِ ﴿47﴾ ثُمَّ
صُبُّوا۟ فَوْقَ رَأْسِهِۦ مِنْ عَذَابِ ٱلْحَمِيمِ ﴿48﴾ ذُقْ إِنَّكَ
أَنتَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْكَرِيمُ ﴿49﴾ إِنَّ هَٰذَا مَا كُنتُم بِهِۦ تَمْتَرُونَ
﴿50﴾ إِنَّ ٱلْمُتَّقِينَ فِى مَقَامٍ أَمِينٍ ﴿51﴾ فِى جَنَّٰتٍ وَعُيُونٍ
﴿52﴾ يَلْبَسُونَ مِن سُندُسٍ وَإِسْتَبْرَقٍ مُّتَقَٰبِلِينَ ﴿53﴾
كَذَٰلِكَ وَزَوَّجْنَٰهُم بِحُورٍ عِينٍ ﴿54﴾ يَدْعُونَ فِيهَا بِكُلِّ
فَٰكِهَةٍ ءَامِنِينَ ﴿55﴾ لَا يَذُوقُونَ فِيهَا ٱلْمَوْتَ
إِلَّا ٱلْمَوْتَةَ ٱلْأُولَىٰ ۖ وَوَقَىٰهُمْ عَذَابَ ٱلْجَحِيمِ ﴿56﴾ فَضْلًا
مِّن رَّبِّكَ ۚ ذَٰلِكَ هُوَ ٱلْفَوْزُ ٱلْعَظِيمُ ﴿57﴾ فَإِنَّمَا يَسَّرْنَٰهُ بِلِسَانِكَ
لَعَلَّهُمْ يَتَذَكَّرُونَ ﴿58﴾ فَٱرْتَقِبْ إِنَّهُم مُّرْتَقِبُونَ ﴿59﴾

سورة الجاثية

40. Jum il-Ġudizzju huwa tabilħaqq iż-żmien magħżul għalihom ilkoll;
41. fil-Jum meta ħabib ma jista' jkun ta' fejda għal ħabib*(u)* f'xejn, u lanqas ma jkunu megħjunin,
42. ħlief dawk li Alla ħenn għalihom *(u għalhekk jistgħu jidħlu għal xulxin, jew ħaddieħor jidħol għalihom)*. Huwa tabilħaqq il-Qawwi, il-Ħanin.
43. Tabilħaqq li s-siġra taż-*żaqqūm*
44. hija ikel il-ħati;
45. bħar-ramm imdewweb se jagħli fiż-żaqq *(tal-ħżiena)*,
46. bħalma jagħli l-misħun.
47. *(Imbagħad jingħata l-amar lill-għassiesa ta' l-Infern)*: "Ħuduh *(lill-bniedem ħażin)* u kaxkruh sewwa sew f'nofs in-Nar iħeġġeġ,
48. imbagħad sawbu fuq rasu l-kastig ta' l-ilma jagħli!
49. *(U għidulu)*: 'Duq! Inti tabilħaqq il-qawwi, ta' ġieħ!'"
50. Dan tabilħaqq huwa dak li kontu tiddubitaw dwaru.
51. Tabilħaqq li dawk li jibżgħu minn Alla jinsabu f'post imħares,
52. f'Ġonna u għejun ta' l-ilma.
53. Se jilbsu l-ħarir *(irqiq)* u l-imbrukkat, iħarsu lejn xulxin *(fil-hena)*.
54. Hekk *(ikun ħlashom)*! U nżewġuhom nisa sbieħ, b'għajnejn kbar.
55. Fihom *(dawk il-Ġonna)* jitolbu kull għamla ta' frott, imħarsin *(mill-kastig ta' l-Infern)*.
56. Fihom ma jduqux il-mewt, ħlief l-ewwel mewta *(li daqu qabel waslu hemm)*, u *(Alla)* iħarishom mill-kastig ta' l-Infern,
57. b'tjieba minn Sidek. Dik tkun ir-rebħa l-kbira!
58. Aħna ħaffifnieh *(il-Qoran)* bi lsienek *(Muħammad, l-ilsien Għarbi)* biex forsi jiftakru.
59. Mela stenna *(Muħammad, u ara x'se jiġri minnhom)*; huma tabilħaqq jistennew *(biex jaraw x'se jiġri)*.

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

حٰمٓ ﴿1﴾ تَنزِيلُ الْكِتَٰبِ مِنَ اللَّهِ الْعَزِيزِ الْحَكِيمِ ﴿2﴾ إِنَّ فِي السَّمَٰوَٰتِ
وَالْأَرْضِ لَءَايَٰتٍ لِّلْمُؤْمِنِينَ ﴿3﴾ وَفِي خَلْقِكُمْ وَمَا يَبُثُّ مِن دَآبَّةٍ ءَايَٰتٌ
لِّقَوْمٍ يُوقِنُونَ ﴿4﴾ وَاخْتِلَٰفِ الَّيْلِ وَالنَّهَارِ وَمَآ أَنزَلَ اللَّهُ مِنَ السَّمَآءِ
مِن رِّزْقٍ فَأَحْيَا بِهِ الْأَرْضَ بَعْدَ مَوْتِهَا وَتَصْرِيفِ الرِّيَٰحِ ءَايَٰتٌ لِّقَوْمٍ
يَعْقِلُونَ ﴿5﴾ تِلْكَ ءَايَٰتُ اللَّهِ نَتْلُوهَا عَلَيْكَ بِالْحَقِّ ۖ فَبِأَيِّ حَدِيثٍ بَعْدَ
اللَّهِ وَءَايَٰتِهِۦ يُؤْمِنُونَ ﴿6﴾ وَيْلٌ لِّكُلِّ أَفَّاكٍ أَثِيمٍ ﴿7﴾ يَسْمَعُ ءَايَٰتِ
اللَّهِ تُتْلَىٰ عَلَيْهِ ثُمَّ يُصِرُّ مُسْتَكْبِرًا كَأَن لَّمْ يَسْمَعْهَا ۖ فَبَشِّرْهُ بِعَذَابٍ أَلِيمٍ
﴿8﴾ وَإِذَا عَلِمَ مِنْ ءَايَٰتِنَا شَيْـًٔا ٱتَّخَذَهَا هُزُوًا ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ لَهُمْ عَذَابٌ
مُّهِينٌ ﴿9﴾ مِّن وَرَآئِهِمْ جَهَنَّمُ ۖ وَلَا يُغْنِي عَنْهُم مَّا كَسَبُوا۟ شَيْـًٔا
وَلَا مَا ٱتَّخَذُوا۟ مِن دُونِ اللَّهِ أَوْلِيَآءَ ۖ وَلَهُمْ عَذَابٌ عَظِيمٌ ﴿10﴾ هَٰذَا
هُدًى ۖ وَالَّذِينَ كَفَرُوا۟ بِـَٔايَٰتِ رَبِّهِمْ لَهُمْ عَذَابٌ مِّن رِّجْزٍ أَلِيمٌ ﴿11﴾
۞ اللَّهُ الَّذِي سَخَّرَ لَكُمُ الْبَحْرَ لِتَجْرِيَ الْفُلْكُ فِيهِ بِأَمْرِهِۦ وَلِتَبْتَغُوا۟ مِن
فَضْلِهِۦ وَلَعَلَّكُمْ تَشْكُرُونَ ﴿12﴾ وَسَخَّرَ لَكُم مَّا فِي السَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِي
الْأَرْضِ جَمِيعًا مِّنْهُ ۚ إِنَّ فِي ذَٰلِكَ لَءَايَٰتٍ لِّقَوْمٍ يَتَفَكَّرُونَ ﴿13﴾

ثلاثة أرباع
الحزب
50

45. *Sūratu l-Ġāṭija*

(Suret Dak Għarkubbtejh – Niżlet f'Mekka b'37 vers, ħlief il-vers n. 14)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Ħanin.

1. *Ħā'. Mīm.*
2. Tinżil il-Ktieb *(tal-Qoran)* minn Alla l-Qawwi, l-Għaref.
3. Tabilħaqq li fis-smewwiet u fl-art hemm sinjali għal dawk li jemmnu.
4. U fil-ħolqien tagħkom u f'dawk il-ħlejjaq li jxerred *(ma' l-art kollha ssib)* sinjali għal nies li jemmnu bis-sħiħ.
5. U fid-dawrien *(wara xulxin)* tal-lejl u n-nhar, f'dak il-ġid li Alla niżżel mis-sema u bih ta l-ħajja lill-art wara mewtha, u fit-taqlib ta' l-irjieħ, *(issib)* sinjali għal nies bil-għaqal.
6. Dawn huma l-versi ta' Alla. Aħna naqrawhomlok *(Muħammad)* fis-sewwa. Mela f'liema kliem jemmnu, wara *(li ċaħdu lil)* Alla u l-versi tiegħu?
7. Ħażin għal kull qarrieq ħati!
8. Huwa jisma' l-versi ta' Alla *(meta)* jinqrawlu, imbagħad iwebbes rasu għaliex imkabbar, qisu ma semagħhomx. Mela ħabbarlu *(Muħammad)* kastig ta' wġigħ *(li ġej fuqu)*.
9. U meta jsir jaf xi ħaġa mill-versi tagħna, huwa jehodhom biċ-ċajt. Dawk *(il-ħżiena)* għandhom kastig ta' tkasbir.
10. Warajhom hemm l-Infern, u ma jiswewlhom xejn dawk *(l-għemejjel)* li kisbu, u lanqas dawk *(l-allat)* li ħadu biex jaqbżu għalihom, minflok Alla. Għalihom *(hemm)* kastig mill-kbar.
11. Din tmexxija tajba, u dawk li ma jemmnux fil-versi ta' sidhom għandhom kastig ta' wġigħ.
12. Alla huwa li *(bil-qawwa u l-ħniena kbira tiegħu)* qiegħed il-baħar għall-qadi tagħkom biex fih jiġru l-imrieket bl-amar tiegħu, biex tfittxu mit-tjieba tiegħu *(għajxien xieraq għalikom)*, u biex forsi tiżżu ħajr *(ta' dan kollu)*.
13. U qiegħed ukoll għall-qadi tagħkom kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art; *(kollox ġej)* minnu. Tabilħaqq f'dan *(kollu)* hemm sinjali għal nies li jixtarru *(is-siwi tagħhom)*.

قُل لِّلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ يَغْفِرُوا۟ لِلَّذِينَ لَا يَرْجُونَ أَيَّامَ ٱللَّهِ لِيَجْزِىَ
قَوْمًۢا بِمَا كَانُوا۟ يَكْسِبُونَ ﴿14﴾ مَنْ عَمِلَ صَٰلِحًا فَلِنَفْسِهِۦ ۖ
وَمَنْ أَسَآءَ فَعَلَيْهَا ۖ ثُمَّ إِلَىٰ رَبِّكُمْ تُرْجَعُونَ ﴿15﴾ وَلَقَدْ ءَاتَيْنَا
بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ ٱلْكِتَٰبَ وَٱلْحُكْمَ وَٱلنُّبُوَّةَ وَرَزَقْنَٰهُم مِّنَ ٱلطَّيِّبَٰتِ
وَفَضَّلْنَٰهُمْ عَلَى ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿16﴾ وَءَاتَيْنَٰهُم بَيِّنَٰتٍ مِّنَ ٱلْأَمْرِ ۖ
فَمَا ٱخْتَلَفُوٓا۟ إِلَّا مِنۢ بَعْدِ مَا جَآءَهُمُ ٱلْعِلْمُ بَغْيًۢا بَيْنَهُمْ ۚ إِنَّ
رَبَّكَ يَقْضِى بَيْنَهُمْ يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ فِيمَا كَانُوا۟ فِيهِ يَخْتَلِفُونَ
﴿17﴾ ثُمَّ جَعَلْنَٰكَ عَلَىٰ شَرِيعَةٍ مِّنَ ٱلْأَمْرِ فَٱتَّبِعْهَا وَلَا تَتَّبِعْ
أَهْوَآءَ ٱلَّذِينَ لَا يَعْلَمُونَ ﴿18﴾ إِنَّهُمْ لَن يُغْنُوا۟ عَنكَ مِنَ ٱللَّهِ
شَيْـًٔا ۚ وَإِنَّ ٱلظَّٰلِمِينَ بَعْضُهُمْ أَوْلِيَآءُ بَعْضٍ ۖ وَٱللَّهُ وَلِىُّ ٱلْمُتَّقِينَ
﴿19﴾ هَٰذَا بَصَٰٓئِرُ لِلنَّاسِ وَهُدًى وَرَحْمَةٌ لِّقَوْمٍ يُوقِنُونَ
﴿20﴾ أَمْ حَسِبَ ٱلَّذِينَ ٱجْتَرَحُوا۟ ٱلسَّيِّـَٔاتِ أَن نَّجْعَلَهُمْ كَٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ سَوَآءً مَّحْيَاهُمْ وَمَمَاتُهُمْ ۚ سَآءَ
مَا يَحْكُمُونَ ﴿21﴾ وَخَلَقَ ٱللَّهُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ بِٱلْحَقِّ
وَلِتُجْزَىٰ كُلُّ نَفْسٍۭ بِمَا كَسَبَتْ وَهُمْ لَا يُظْلَمُونَ ﴿22﴾

14. Għid *(Muħammad)* lil dawk li jemmnu biex jaħfru lil dawk li ma jittamawx fil-jiem ta' Alla, biex *(Alla)* iħallas lil xi nies ta' dak li kienu jiksbu *(bl-għemil tagħhom)*.
15. Min jagħmel il-ġid, *(jagħmlu)* għalih innifsu, u min jagħmel il-ħażen, *(jagħmlu)* kontra tiegħu nnifsu, imbagħad lejn Sidkom titreġġgħu lura.
16. Aħna tassew tajna lil Ulied Israel il-Ktieb, l-għerf u l-profezija, tajniehom ħwejjeġ tajba *(għall-għajxien tagħhom)* u ppreferejniehom mill-ġnus kollha.
17. Tajniehom sinjali ċari dwar il-kwistjoni *(tar-reliġjon)*, u ma tlewmux jekk mhux wara li ġiehom l-għarfien, minħabba l-għira ta' bejniethom. Tabilħaqq li Sidek *(Muħammad)* jagħmel ħaqq minnhom f'Jum il-Qawmien dwar dak li ma kinux jaqblu fuqu.
18. Imbagħad qabbadniek *(Muħammad)* triq tajba fil-kwistjoni *(tar-reliġjon)*. Mela imxi fiha, u la timxix fuq ix-xewqat ta' dawk li ma jafux.
19. Huma tabilħaqq ma jiswewlek xejn kontra Alla. Tassew li l-ħżiena huma ħbieb ta' xulxin, iżda Alla huwa d-Difensur ta' dawk li jibżgħu minnu.
20. Dawn huma dwal ċari lin-nies, u tmexxija tajba u ħniena lil nies li jemmnu bis-sħiħ.
21. Jaqaw dawk li jagħmlu l-ħażen jaħsbu li se nagħmluhom bħal dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid, indaqs fil-ħajja u fil-mewt? Ħażin il-ġudizzju tagħhom.
22. Alla ħalaq is-smewwiet u l-art bis-sewwa, u biex kull ruħ titħallas ta' dak li kisbet *(bl-għemil tagħha)*. Ma ssirx inġustizzja magħhom.

أَفَرَءَيْتَ مَنِ ٱتَّخَذَ إِلَٰهَهُۥ هَوَىٰهُ وَأَضَلَّهُ ٱللَّهُ عَلَىٰ عِلْمٍ وَخَتَمَ عَلَىٰ سَمْعِهِۦ
وَقَلْبِهِۦ وَجَعَلَ عَلَىٰ بَصَرِهِۦ غِشَٰوَةً فَمَن يَهْدِيهِ مِنۢ بَعْدِ ٱللَّهِ ۚ أَفَلَا
تَذَكَّرُونَ ﴿23﴾ وَقَالُوا۟ مَا هِىَ إِلَّا حَيَاتُنَا ٱلدُّنْيَا نَمُوتُ وَنَحْيَا وَمَا يُهْلِكُنَآ
إِلَّا ٱلدَّهْرُ ۚ وَمَا لَهُم بِذَٰلِكَ مِنْ عِلْمٍ ۖ إِنْ هُمْ إِلَّا يَظُنُّونَ ﴿24﴾ وَإِذَا تُتْلَىٰ
عَلَيْهِمْ ءَايَٰتُنَا بَيِّنَٰتٍ مَّا كَانَ حُجَّتَهُمْ إِلَّآ أَن قَالُوا۟ ٱئْتُوا۟ بِـَٔابَآئِنَآ إِن
كُنتُمْ صَٰدِقِينَ ﴿25﴾ قُلِ ٱللَّهُ يُحْيِيكُمْ ثُمَّ يُمِيتُكُمْ ثُمَّ يَجْمَعُكُمْ إِلَىٰ يَوْمِ
ٱلْقِيَٰمَةِ لَا رَيْبَ فِيهِ وَلَٰكِنَّ أَكْثَرَ ٱلنَّاسِ لَا يَعْلَمُونَ ﴿26﴾ وَلِلَّهِ مُلْكُ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۚ وَيَوْمَ تَقُومُ ٱلسَّاعَةُ يَوْمَئِذٍ يَخْسَرُ ٱلْمُبْطِلُونَ
﴿27﴾ وَتَرَىٰ كُلَّ أُمَّةٍ جَاثِيَةً ۚ كُلُّ أُمَّةٍ تُدْعَىٰٓ إِلَىٰ كِتَٰبِهَا ٱلْيَوْمَ تُجْزَوْنَ مَا كُنتُمْ
تَعْمَلُونَ ﴿28﴾ هَٰذَا كِتَٰبُنَا يَنطِقُ عَلَيْكُم بِٱلْحَقِّ ۚ إِنَّا كُنَّا نَسْتَنسِخُ
مَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿29﴾ فَأَمَّا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ
فَيُدْخِلُهُمْ رَبُّهُمْ فِى رَحْمَتِهِۦ ۚ ذَٰلِكَ هُوَ ٱلْفَوْزُ ٱلْمُبِينُ ﴿30﴾ وَأَمَّا
ٱلَّذِينَ كَفَرُوٓا۟ أَفَلَمْ تَكُنْ ءَايَٰتِى تُتْلَىٰ عَلَيْكُمْ فَٱسْتَكْبَرْتُمْ وَكُنتُمْ قَوْمًا
مُّجْرِمِينَ ﴿31﴾ وَإِذَا قِيلَ إِنَّ وَعْدَ ٱللَّهِ حَقٌّ وَٱلسَّاعَةُ لَا رَيْبَ فِيهَا قُلْتُم
مَّا نَدْرِى مَا ٱلسَّاعَةُ إِن نَّظُنُّ إِلَّا ظَنًّا وَمَا نَحْنُ بِمُسْتَيْقِنِينَ ﴿32﴾

23. Ħabbarni dwar min ħa b'alla *(tiegħu)* lil xewqtu, u Alla *(imbagħad)* tellfu t-triq, minkejja l-għarfien *(li dan il-bniedem għandu tat-tajjeb u tal-ħażin)*, u *(Alla)* qiegħed siġill fuq is-smigħ tiegħu u fuq qalbu, u fuq għajnejh *(Alla)* għamel għamad. Mela min jurih it-triq, wara Alla? Jaqaw ma tiftakrux *(fit-twissija tiegħu)*?

24. Huma *(il-pagani)* qalu: "*(Din)* ma hijiex ħlief ħajjitna *(f'din)* id-dinja *(u ma għandniex għajrha)*; immutu u ngħixu, u xejn ma jeqridna ħlief iż-żmien." Iżda dwar dan ma għandhom ebda għarfien, u ma humiex ħlief jistħajlu.

25. U meta jinqrawlhom il-versi ċ-ċari tagħna, l-argument tagħhom ma jkunx ħlief li jgħidu: "Ġibulna *(lura)* lil missirijietna, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa!"

26. Għid *(Muħammad)*: "Alla jagħtikom il-ħajja, imbagħad jibagħtilkom il-mewt, imbagħad jiġborkom għal Jum il-Qawmien li ma hemm ebda dubju dwaru." Iżda l-kotra tan-nies ma jafux.

27. Ta' Alla *(hija)* is-saltna tas-smewwiet u ta' l-art, u fil-Jum li tasal is-Siegħa, dakinhar ikunu telliefa l-qarrieqa.

28. U se tara kull nazzjon għarkubbtejh. Kull nazzjon isejjaħ lejn il-ktieb tiegħu *(u jingħad lilu:)* Illum titħallsu ta' dak li kontu tagħmlu!

29. Dan hu l-ktieb tagħna *(li fih jinsabu mniżżla l-għemejjel kollha tagħkom u)* li jitkellem kontrikom bis-sewwa. Aħna tabilħaqq konna niktbu *(fih)* dak li kontu tagħmlu.

30. Dawk li emmnu u għamlu l-ġid, Sidhom idaħħalhom fil-ħniena tiegħu. Dik hija r-rebħa fid-dieher.

31. Dawk li ċaħdu t-twemmin *(jingħad lilhom)*: "Jaqaw il-versi tiegħi ma kinux jinqrawlkom? Iżda tkabbartu u kontu nies ħatjin."

32. U meta ntqal *(lilkom)*: "Il-wegħda ta' Alla hija tassew, u s-Siegħa ma hemmx dubju dwarha," għedtu: "Ma nafux x'inhi s-Siegħa. Ma naħsbux ħlief li *(din is-Siegħa)* hija biss stħajjil u ma nafux fiż-żgur!"

وَبَدَا لَهُمْ سَيِّـَٔاتُ مَا عَمِلُوا۟ وَحَاقَ بِهِم مَّا كَانُوا۟ بِهِۦ يَسْتَهْزِءُونَ ﴿33﴾
وَقِيلَ ٱلْيَوْمَ نَنسَىٰكُمْ كَمَا نَسِيتُمْ لِقَآءَ يَوْمِكُمْ هَٰذَا وَمَأْوَىٰكُمُ ٱلنَّارُ وَمَا
لَكُم مِّن نَّٰصِرِينَ ﴿34﴾ ذَٰلِكُم بِأَنَّكُمُ ٱتَّخَذْتُمْ ءَايَٰتِ ٱللَّهِ هُزُوًا وَغَرَّتْكُمُ
ٱلْحَيَوٰةُ ٱلدُّنْيَا ۚ فَٱلْيَوْمَ لَا يُخْرَجُونَ مِنْهَا وَلَا هُمْ يُسْتَعْتَبُونَ ﴿35﴾
فَلِلَّهِ ٱلْحَمْدُ رَبِّ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَرَبِّ ٱلْأَرْضِ رَبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿36﴾ وَلَهُ
ٱلْكِبْرِيَآءُ فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ وَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ ﴿37﴾

سُورَةُ الأَحْقَافِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

حمٓ ﴿1﴾ تَنزِيلُ ٱلْكِتَٰبِ مِنَ ٱللَّهِ ٱلْعَزِيزِ ٱلْحَكِيمِ ﴿2﴾ مَا خَلَقْنَا
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ وَمَا بَيْنَهُمَآ إِلَّا بِٱلْحَقِّ وَأَجَلٍ مُّسَمًّى ۚ وَٱلَّذِينَ
كَفَرُوا۟ عَمَّآ أُنذِرُوا۟ مُعْرِضُونَ ﴿3﴾ قُلْ أَرَءَيْتُم مَّا تَدْعُونَ مِن
دُونِ ٱللَّهِ أَرُونِى مَاذَا خَلَقُوا۟ مِنَ ٱلْأَرْضِ أَمْ لَهُمْ شِرْكٌ فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ ۖ
ٱئْتُونِى بِكِتَٰبٍ مِّن قَبْلِ هَٰذَآ أَوْ أَثَٰرَةٍ مِّنْ عِلْمٍ إِن كُنتُمْ
صَٰدِقِينَ ﴿4﴾ وَمَنْ أَضَلُّ مِمَّن يَدْعُوا۟ مِن دُونِ ٱللَّهِ مَن
لَّا يَسْتَجِيبُ لَهُۥٓ إِلَىٰ يَوْمِ ٱلْقِيَٰمَةِ وَهُمْ عَن دُعَآئِهِمْ غَٰفِلُونَ ﴿5﴾

الجزء 26 الحزب 51

33. U se jidhrulhom l-għemejjel ħżiena li għamlu, u dak *(il-kastig)* li kienu jżebilħu jdawwarhom minn kullimkien.
34. U se jingħad *(lilhom)*: "Illum ninsewkom, bħalma nsejtu l-laqgħa ta' dan il-Jum tagħkom, u l-kenn tagħkom ikun in-Nar, u ma għandkomx min jgħinkom.
35. Dak għaliex kasbartu l-versi ta' Alla, u l-ħajja fid-dinja qarrqet bikom *(bil-frugħa kollha tagħha)*." Għalhekk illum ma jinħarġux minnu *(min-Nar)* u ma jitħallewx isewwu l-ħażen tagħhom u jindmu.
36. Mela lil Alla t-tifħir, Sid is-smewwiet u Sid l-art, Sid il-ħolqien!
37. Tiegħu l-kobor fis-smewwiet u fl-art, u Huwa l-Qawwi, l-Għaref.

46. *Sūratu l-'Aħqāf*

(Suret l-Għoljiet tar-Ramel – Niżlet f'Mekka b'35 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Ħā'. Mīm.*
2. Tinżil il-Ktieb *(tal-Qoran)* minn Alla l-Qawwi, l-Għaref.
3. Ma ħlaqniex is-smewwiet u l-art, u dak li hemm bejniethom, jekk mhux bis-sewwa, u sa żmien imsemmi *(meta dan il-ħolqien jintemm u jasal Jum il-Qawmien)*. U dawk li ma jemmnux ma jagħtux widen għal dak li twiddbu *(dwaru)*.
4. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ħabbruni: dawk li ssejħu minflok Alla, uruni x'ħalqu mill-art, jew għandhomx sehem mis-smewwiet? Ġibuli ktieb qabel dan *(il-Qoran)*, jew xi fdal ta' għarfien, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa!"
5. Min hu aktar mitluf minn dak li jsejjaħ, minflok lil Alla, lil min ma jweġbux – sa Jum il-Qawmien – u *(l-allat foloz)* ma jintebħux bis-sejħa tagħhom.

وَإِذَا حُشِرَ ٱلنَّاسُ كَانُوا۟ لَهُمْ أَعْدَآءً وَكَانُوا۟ بِعِبَادَتِهِمْ كَٰفِرِينَ ﴿6﴾ وَإِذَا
تُتْلَىٰ عَلَيْهِمْ ءَايَٰتُنَا بَيِّنَٰتٍ قَالَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لِلْحَقِّ لَمَّا جَآءَهُمْ هَٰذَا
سِحْرٌ مُّبِينٌ ﴿7﴾ أَمْ يَقُولُونَ ٱفْتَرَىٰهُ ۖ قُلْ إِنِ ٱفْتَرَيْتُهُۥ فَلَا تَمْلِكُونَ
لِى مِنَ ٱللَّهِ شَيْـًٔا ۖ هُوَ أَعْلَمُ بِمَا تُفِيضُونَ فِيهِ ۖ كَفَىٰ بِهِۦ شَهِيدًۢا بَيْنِى
وَبَيْنَكُمْ ۖ وَهُوَ ٱلْغَفُورُ ٱلرَّحِيمُ ﴿8﴾ قُلْ مَا كُنتُ بِدْعًا مِّنَ ٱلرُّسُلِ
وَمَآ أَدْرِى مَا يُفْعَلُ بِى وَلَا بِكُمْ ۖ إِنْ أَتَّبِعُ إِلَّا مَا يُوحَىٰٓ إِلَىَّ وَمَآ أَنَا۠
إِلَّا نَذِيرٌ مُّبِينٌ ﴿9﴾ قُلْ أَرَءَيْتُمْ إِن كَانَ مِنْ عِندِ ٱللَّهِ وَكَفَرْتُم بِهِۦ
وَشَهِدَ شَاهِدٌ مِّنۢ بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ عَلَىٰ مِثْلِهِۦ فَـَٔامَنَ وَٱسْتَكْبَرْتُمْ ۖ
إِنَّ ٱللَّهَ لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿10﴾ وَقَالَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟
لِلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَوْ كَانَ خَيْرًا مَّا سَبَقُونَآ إِلَيْهِ ۚ وَإِذْ لَمْ يَهْتَدُوا۟ بِهِۦ
فَسَيَقُولُونَ هَٰذَآ إِفْكٌ قَدِيمٌ ﴿11﴾ وَمِن قَبْلِهِۦ كِتَٰبُ مُوسَىٰٓ
إِمَامًا وَرَحْمَةً ۚ وَهَٰذَا كِتَٰبٌ مُّصَدِّقٌ لِّسَانًا عَرَبِيًّا لِّيُنذِرَ
ٱلَّذِينَ ظَلَمُوا۟ وَبُشْرَىٰ لِلْمُحْسِنِينَ ﴿12﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ قَالُوا۟ رَبُّنَا
ٱللَّهُ ثُمَّ ٱسْتَقَٰمُوا۟ فَلَا خَوْفٌ عَلَيْهِمْ وَلَا هُمْ يَحْزَنُونَ ﴿13﴾
أُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلْجَنَّةِ خَٰلِدِينَ فِيهَا جَزَآءًۢ بِمَا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ ﴿14﴾

6. U meta n-nies jinġabru *(f'Jum il-Qawmien, l-allat foloz)* ikunulhom għedewwa u jiċħdu l-qima tagħhom.
7. U meta jinqrawlhom il-versi ċ-ċari tagħna, dawk li m'emmnux jgħidu dwar is-sewwa *(il-Qoran)*, meta jiġihom: "Dan seħer fid-dieher!"
8. Jaqaw jgħidu: "Qalgħu minn żniedu *(Muħammad dan il-Qoran)*!" Għid*(ilhom Muħammad)*: "Jekk qlajtu minn żniedi, intom ma tkunu tistgħu tagħmlu xejn għalija quddiem Alla! *(Iżda jiena ma qlajt xejn minn żniedi!)* Huwa l-aktar li jaf b'dak li qegħdin titkellmu dwaru. Huwa biżżejjed bħala xhud bejni u bejnkom, u Huwa Kollu Maħfra, il-Ħanin."
9. Għid*(ilhom Muħammad)*: "M'iniex l-ewwel fost il-Mibgħutin, u ma naf la x'se jsir minni u lanqas minnkom. M'iniex nimxi ħlief fuq dak li tnebbaħ lili, u m'iniex ħlief wieħed li jwissi fid-dieher."
10. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ħabbruni: jekk *(tassew dan il-Qoran)* huwa mingħand Alla u ċħadtuh, meta xhud *(għaref)* minn Ulied Israel xehed *(għar-Rivelazzjoni ta' Ktieb)* bħalu *(it-Torā)* u emmen *(fil-Qoran)*, iżda intom tkabbartu, *(x'se tkun il-qagħda tagħkom)*? Alla tabilħaqq ma jurix it-triq it-tajba lin-nies il-ħżiena."
11. Dawk li ma jemmnux jgħidu lil dawk li emmnu: "Kieku *(dan il-Qoran)* kien tajjeb, *(il-fqar u d-dgħajfin)* ma kinux jaslu għalih qabilna." U minħabba li ma jimxux fuqu, se jgħidu: "Dan qerq qadim!"
12. Qablu *(il-Qoran, kien hemm)* Ktieb Mosè *(it-Torā)*, tmexxija *(tajba)* u ħniena *(minn Alla)*, u dan *(il-Qoran)* huwa Ktieb li jseddaq *(Ktieb Mosè)*, bl-ilsien Għarbi, biex iwissi lil dawk li għamlu l-ħażen, u bxara *(tajba)* għal dawk li jagħmlu t-tajjeb.
13. Tabilħaqq li dawk li jgħidu: "Sidna huwa Alla," imbagħad iżommu fit-triq id-dritta, ebda biża' ma hemm fuqhom, u lanqas jitnikktu.
14. Dawk huma nies il-Ġenna, u fiha jgħammru għal dejjem, bħala ħlas ta' dak li kienu jagħmlu.

وَوَصَّيْنَا الْإِنسَانَ بِوَالِدَيْهِ إِحْسَانًا ۖ حَمَلَتْهُ أُمُّهُ كُرْهًا وَوَضَعَتْهُ
كُرْهًا ۖ وَحَمْلُهُ وَفِصَالُهُ ثَلَاثُونَ شَهْرًا ۚ حَتَّىٰ إِذَا بَلَغَ أَشُدَّهُ وَبَلَغَ
أَرْبَعِينَ سَنَةً قَالَ رَبِّ أَوْزِعْنِي أَنْ أَشْكُرَ نِعْمَتَكَ الَّتِي أَنْعَمْتَ
عَلَيَّ وَعَلَىٰ وَالِدَيَّ وَأَنْ أَعْمَلَ صَالِحًا تَرْضَاهُ وَأَصْلِحْ لِي فِي
ذُرِّيَّتِي ۖ إِنِّي تُبْتُ إِلَيْكَ وَإِنِّي مِنَ الْمُسْلِمِينَ ﴿15﴾ أُولَٰئِكَ الَّذِينَ
نَتَقَبَّلُ عَنْهُمْ أَحْسَنَ مَا عَمِلُوا وَنَتَجَاوَزُ عَن سَيِّئَاتِهِمْ فِي أَصْحَابِ
الْجَنَّةِ ۖ وَعْدَ الصِّدْقِ الَّذِي كَانُوا يُوعَدُونَ ﴿16﴾ وَالَّذِي قَالَ
لِوَالِدَيْهِ أُفٍّ لَّكُمَا أَتَعِدَانِنِي أَنْ أُخْرَجَ وَقَدْ خَلَتِ الْقُرُونُ مِن
قَبْلِي وَهُمَا يَسْتَغِيثَانِ اللَّهَ وَيْلَكَ آمِنْ إِنَّ وَعْدَ اللَّهِ حَقٌّ فَيَقُولُ
مَا هَٰذَا إِلَّا أَسَاطِيرُ الْأَوَّلِينَ ﴿17﴾ أُولَٰئِكَ الَّذِينَ حَقَّ عَلَيْهِمُ
الْقَوْلُ فِي أُمَمٍ قَدْ خَلَتْ مِن قَبْلِهِم مِّنَ الْجِنِّ وَالْإِنسِ ۖ إِنَّهُمْ كَانُوا
خَاسِرِينَ ﴿18﴾ وَلِكُلٍّ دَرَجَاتٌ مِّمَّا عَمِلُوا ۖ وَلِيُوَفِّيَهُمْ أَعْمَالَهُمْ وَهُمْ
لَا يُظْلَمُونَ ﴿19﴾ وَيَوْمَ يُعْرَضُ الَّذِينَ كَفَرُوا عَلَى النَّارِ أَذْهَبْتُمْ طَيِّبَاتِكُمْ
فِي حَيَاتِكُمُ الدُّنْيَا وَاسْتَمْتَعْتُم بِهَا ۖ فَالْيَوْمَ تُجْزَوْنَ عَذَابَ الْهُونِ
بِمَا كُنتُمْ تَسْتَكْبِرُونَ فِي الْأَرْضِ بِغَيْرِ الْحَقِّ وَبِمَا كُنتُمْ تَفْسُقُونَ ﴿20﴾

15. L-amar tagħna lill-bniedem huwa li juri tjubija mal-ġenituri tiegħu *(u ma għandux jinsa li)* ommu ġarritu *(f'ġufha)* bi tbatija, u wellditu bi tbatija; jinġarr *(fi ħdan ommu)* u jinfatam fi żmien tletin xahar. Imbagħad meta jilħaq l-aqwa tiegħu u jsir ta' erbgħin sena, huwa jgħid: "Sidi, qanqalni biex niżżik ħajr tal-grazzja tiegħek li sawwabt fuqi u fuq il-ġenituri tiegħi, u biex nagħmel il-ġid li jogħġbok. U agħmel li nisli jkun ġust. Jiena tassew niedem quddiemek, u jiena tabilħaqq mill-Misilmin!"
16. Dawk huma li nilqgħu mingħandhom l-aħjar għemejjel tagħhom, u ma nħarsux lejn l-għemejjel ħżiena tagħhom. *(Huma jkunu)* fost nies il-Ġenna; *(din hija)* il-wegħda tas-sewwa li kienu mwegħdin.
17. Iżda dak li jgħid lill-ġenituri tiegħu: "Uff, intom it-tnejn! Jaqaw qegħdin twegħduni li *(wara mewti)* nerġa' nitqajjem, meta għadda kemm-il nisel qabli *(mingħajr ma tqajjem mill-mewt)*?". Huma t-tnejn jitolbu l-għajnuna ta' Alla *(biex juri t-triq it-tajba lil binhom, filwaqt li lil dan jgħidulu)*: "Ħażin għalik! Emmen! Tabilħaqq minnha l-wegħda ta' Alla!" Iżda huwa jgħid: "Dan *(kliemkom dwar il-qawmien mill-imwiet)* ma huwiex ħlief stejjer ta' nies il-qedem!"
18. Dawk huma li seħħet kontrihom il-kelma *(ta' kundanna)* minn fost ġnus ta' *ġinn* u bnedmin li għaddew qabilhom. Huma tabilħaqq kienu t-tellifin!
19. Għal kulħadd hemm gradi *(ta' tjieba u ħażen)*, skond dak li għamlu, biex jagħtihom ħlas sħiħ ta' l-għemejjel tagħhom, u ma ssirx inġustizzja magħhom.
20. Fil-Jum meta dawk li m'emmnux jinġiebu quddiem in-Nar *(se jingħad lilhom)*: "Ħlejtu l-ħwejjeġ tajbin tagħkom fil-ħajja tagħkom fid-dinja, u gawdejtuhom *(iżda issa ma baqagħlkom xejn)*. Għalhekk illum se titħallsu bil-kastig tat-tkasbir, talli kontu titkabbru fuq l-art mingħajr ħaqq, u talli kontu tagħmlu l-ħażen."

۞ وَاذْكُرْ أَخَا عَادٍ إِذْ أَنذَرَ قَوْمَهُ بِالْأَحْقَافِ وَقَدْ خَلَتِ النُّذُرُ
مِن بَيْنِ يَدَيْهِ وَمِنْ خَلْفِهِ أَلَّا تَعْبُدُوا إِلَّا اللَّهَ إِنِّي أَخَافُ عَلَيْكُمْ
عَذَابَ يَوْمٍ عَظِيمٍ ﴿21﴾ قَالُوا أَجِئْتَنَا لِتَأْفِكَنَا عَنْ آلِهَتِنَا فَأْتِنَا
بِمَا تَعِدُنَا إِن كُنتَ مِنَ الصَّادِقِينَ ﴿22﴾ قَالَ إِنَّمَا الْعِلْمُ عِندَ اللَّهِ
وَأُبَلِّغُكُم مَّا أُرْسِلْتُ بِهِ وَلَٰكِنِّي أَرَاكُمْ قَوْمًا تَجْهَلُونَ ﴿23﴾
فَلَمَّا رَأَوْهُ عَارِضًا مُّسْتَقْبِلَ أَوْدِيَتِهِمْ قَالُوا هَٰذَا عَارِضٌ مُّمْطِرُنَا
بَلْ هُوَ مَا اسْتَعْجَلْتُم بِهِ رِيحٌ فِيهَا عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿24﴾ تُدَمِّرُ كُلَّ
شَيْءٍ بِأَمْرِ رَبِّهَا فَأَصْبَحُوا لَا يُرَىٰ إِلَّا مَسَاكِنُهُمْ كَذَٰلِكَ نَجْزِي
الْقَوْمَ الْمُجْرِمِينَ ﴿25﴾ وَلَقَدْ مَكَّنَّاهُمْ فِيمَا إِن مَّكَّنَّاكُمْ فِيهِ
وَجَعَلْنَا لَهُمْ سَمْعًا وَأَبْصَارًا وَأَفْئِدَةً فَمَا أَغْنَىٰ عَنْهُمْ سَمْعُهُمْ
وَلَا أَبْصَارُهُمْ وَلَا أَفْئِدَتُهُم مِّن شَيْءٍ إِذْ كَانُوا يَجْحَدُونَ
بِآيَاتِ اللَّهِ وَحَاقَ بِهِم مَّا كَانُوا بِهِ يَسْتَهْزِئُونَ ﴿26﴾ وَلَقَدْ
أَهْلَكْنَا مَا حَوْلَكُم مِّنَ الْقُرَىٰ وَصَرَّفْنَا الْآيَاتِ لَعَلَّهُمْ يَرْجِعُونَ
﴿27﴾ فَلَوْلَا نَصَرَهُمُ الَّذِينَ اتَّخَذُوا مِن دُونِ اللَّهِ قُرْبَانًا آلِهَةً
بَلْ ضَلُّوا عَنْهُمْ وَذَٰلِكَ إِفْكُهُمْ وَمَا كَانُوا يَفْتَرُونَ ﴿28﴾

21. U semmi *(Muħammad)* lil ħu Għād, meta wissa lil niesu fl-għoljiet tar-ramel, meta dawk li jwissu kienu ġew qablu u warajh *(bit-twissija li tgħid)*: "La tqimux ħlief lil Alla! Jiena tabilħaqq nibża' li jkollkom il-kastig ta' Jum mill-kbar."

22. Huma qalu: "Jaqaw ġejtna biex tbegħedna mill-allat tagħna? Mela ġib fuqna dak *(il-kastig)* li qiegħed twegħedna, jekk qiegħed tgħid is-sewwa!"

23. Huwa qal: "L-għarfien *(ta' meta jiġi l-kastig)* jinsab biss għand Alla, u jiena qiegħed inħabbrilkom dak li ntbagħatt bih. Iżda qiegħed nara li intom nies li ma tafux."

24. U meta rawh *(il-kastig)* f'għamla ta' sħaba riesqa lejn il-widien tagħhom, qalu: "Din sħaba li se ġġibilna x-xita." Le, *(mhux kif qegħdin taħsbu)*, iżda huwa *(il-kastig)* li intom ridtu tgħaġġlu *(biex jasal fuqkom)*: riħ li fih kastig ta' wġigħ

25. li jeqred kollox bl-amar ta' Sidu. U saru *(f'qagħda tal-biża' hekk li)* xejn ma kien jidher ħlief djarhom. Hekk inħallsu lill-ħatjin!

26. Aħna saħħaħniehom *(lil nies Għād)* f'dak li ma saħħaħnikomx *(lilkom nies Mekka, għaliex lilhom tajniehom ħafna aktar qawwa u ġid minnkom)*, u tajniehom is-smigħ, dawl l-għajnejn, u l-qlub. Iżda la s-smigħ, la dawl l-għajnejn, u lanqas qlubhom ma swewlhom għal xejn minħabba li kienu jiċħdu s-sinjali ta' Alla, u dawwarhom minn kullimkien dak *(il-kastig)* li kienu jżebilħu.

27. Aħna tassew qridna l-ibliet ta' madwarkom *(ja Mekkin, bħall-ibliet ta' Għād, Tamūd u Saba)*, u fissirna u tennejna r-Rivelazzjoni tagħna biex forsi jerġgħu lura.

28. Għaliex ma għenuhomx dawk l-allat li ħadu, minflok Alla, biex iressquhom *(lejh)*? Le! Telquhom għal riħhom. Dak huwa l-qerq tagħhom, u dak li kienu jaqilgħu minn żniedhom.

وَإِذْ صَرَفْنَآ إِلَيْكَ نَفَرًا مِّنَ ٱلْجِنِّ يَسْتَمِعُونَ ٱلْقُرْءَانَ فَلَمَّا
حَضَرُوهُ قَالُوٓا۟ أَنصِتُوا۟ ۖ فَلَمَّا قُضِىَ وَلَّوْا۟ إِلَىٰ قَوْمِهِم مُّنذِرِينَ
(29) قَالُوا۟ يَٰقَوْمَنَآ إِنَّا سَمِعْنَا كِتَٰبًا أُنزِلَ مِنۢ بَعْدِ مُوسَىٰ
مُصَدِّقًا لِّمَا بَيْنَ يَدَيْهِ يَهْدِىٓ إِلَى ٱلْحَقِّ وَإِلَىٰ طَرِيقٍ مُّسْتَقِيمٍ
(30) يَٰقَوْمَنَآ أَجِيبُوا۟ دَاعِىَ ٱللَّهِ وَءَامِنُوا۟ بِهِۦ يَغْفِرْ لَكُم مِّن
ذُنُوبِكُمْ وَيُجِرْكُم مِّنْ عَذَابٍ أَلِيمٍ (31) وَمَن لَّا يُجِبْ دَاعِىَ ٱللَّهِ
فَلَيْسَ بِمُعْجِزٍ فِى ٱلْأَرْضِ وَلَيْسَ لَهُۥ مِن دُونِهِۦٓ أَوْلِيَآءُ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ
فِى ضَلَٰلٍ مُّبِينٍ (32) أَوَلَمْ يَرَوْا۟ أَنَّ ٱللَّهَ ٱلَّذِى خَلَقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ
وَٱلْأَرْضَ وَلَمْ يَعْىَ بِخَلْقِهِنَّ بِقَٰدِرٍ عَلَىٰٓ أَن يُحْۦِىَ ٱلْمَوْتَىٰ ۚ بَلَىٰٓ
إِنَّهُۥ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ (33) وَيَوْمَ يُعْرَضُ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ عَلَى ٱلنَّارِ
أَلَيْسَ هَٰذَا بِٱلْحَقِّ ۖ قَالُوا۟ بَلَىٰ وَرَبِّنَا ۚ قَالَ فَذُوقُوا۟ ٱلْعَذَابَ بِمَا
كُنتُمْ تَكْفُرُونَ (34) فَٱصْبِرْ كَمَا صَبَرَ أُو۟لُوا۟ ٱلْعَزْمِ مِنَ ٱلرُّسُلِ
وَلَا تَسْتَعْجِل لَّهُمْ ۚ كَأَنَّهُمْ يَوْمَ يَرَوْنَ مَا يُوعَدُونَ لَمْ يَلْبَثُوٓا۟ إِلَّا
سَاعَةً مِّن نَّهَارٍ ۚ بَلَٰغٌ ۚ فَهَلْ يُهْلَكُ إِلَّا ٱلْقَوْمُ ٱلْفَٰسِقُونَ (35)

سُورَةُ مُحَمَّدٍ

29. U *(ftakar Muħammad)* meta bgħatnielek ġemgħa mill-*ġinn* biex jisimgħu l-Qoran, u meta semgħuh, qalu *(lil xulxin)*: "Isktu u isimgħu!" U meta ntemm *(il-qari tal-Qoran)* reġgħu lura lejn nieshom iwissu*(hom)*.

30. Huma qalu: "Ja niesna, aħna tabilħaqq smajna Ktieb imniżżel wara Mosè, li jseddaq dak li kien qablu; *(Ktieb li)* imexxi lejn is-sewwa u lejn triq dritta.

31. Ja poplu tagħna, wieġbu lil dak *(Muħammad)* li jsejjaħ lejn Alla, u emmnu fih! Huwa *(Alla)* jaħfrilkom dnubietkom, jeħliskom, u jħariskom minn kastig ta' wġigħ."

32. Min ma jweġibx lil dak li jsejjaħ lejn Alla, ma *(jsibx fejn)* jaħrab fl-art, u ma għandux difensuri minfloku *(flok Alla)*. Dawk huma f'telfien mill-aktar ċar.

33. Jaqaw ma rawx li Alla, li ħalaq is-smewwiet u l-art, u ma għejiex fil-ħolqien tagħhom, għandu s-setgħa jagħti l-ħajja lill-mejtin? Mela! Huwa tabilħaqq fuq kollox Setgħan.

34. Fil-Jum meta dawk li m'emmnux jinġiebu quddiem in-Nar *(jingħad lilhom)*: "Jaqaw dan *(il-kastig)* ma huwiex tabilħaqq?" Huma jgħidu: "Mela, fuq Sidna *(naħilfuh dan)*!" Jgħid*(ilhom Alla l-Imbierek)*: "Mela duqu l-kastig, talli m'emmintux!"

35. Mela stabar *(Muħammad)* bħalma stabru l-Mibgħutin ta' rieda qawwija, u tgħaġġillhomx *(il-kastig tagħhom)*. Fil-Jum meta jaraw dak *(il-kastig)* li kienu mwegħdin, ikunu qishom ma damux *(fid-dinja)* ħlief siegħa minn ta' binhar. *(Din hija)* taħbira *(u twissija ċara)*. Jaqaw jinqerdu għajr in-nies il-ħżiena?

بسم الله الرحمن الرحيم

الَّذِينَ كَفَرُوا وَصَدُّوا عَن سَبِيلِ اللَّهِ أَضَلَّ أَعْمَالَهُمْ ﴿1﴾ وَالَّذِينَ
آمَنُوا وَعَمِلُوا الصَّالِحَاتِ وَآمَنُوا بِمَا نُزِّلَ عَلَىٰ مُحَمَّدٍ وَهُوَ الْحَقُّ مِن
رَّبِّهِمْ كَفَّرَ عَنْهُمْ سَيِّئَاتِهِمْ وَأَصْلَحَ بَالَهُمْ ﴿2﴾ ذَٰلِكَ بِأَنَّ الَّذِينَ كَفَرُوا
اتَّبَعُوا الْبَاطِلَ وَأَنَّ الَّذِينَ آمَنُوا اتَّبَعُوا الْحَقَّ مِن رَّبِّهِمْ ۚ كَذَٰلِكَ يَضْرِبُ
اللَّهُ لِلنَّاسِ أَمْثَالَهُمْ ﴿3﴾ فَإِذَا لَقِيتُمُ الَّذِينَ كَفَرُوا فَضَرْبَ الرِّقَابِ حَتَّىٰ
إِذَا أَثْخَنتُمُوهُمْ فَشُدُّوا الْوَثَاقَ فَإِمَّا مَنًّا بَعْدُ وَإِمَّا فِدَاءً حَتَّىٰ تَضَعَ الْحَرْبُ
أَوْزَارَهَا ۚ ذَٰلِكَ وَلَوْ يَشَاءُ اللَّهُ لَانتَصَرَ مِنْهُمْ وَلَٰكِن لِّيَبْلُوَ بَعْضَكُم
بِبَعْضٍ ۗ وَالَّذِينَ قُتِلُوا فِي سَبِيلِ اللَّهِ فَلَن يُضِلَّ أَعْمَالَهُمْ ﴿4﴾ سَيَهْدِيهِمْ
وَيُصْلِحُ بَالَهُمْ ﴿5﴾ وَيُدْخِلُهُمُ الْجَنَّةَ عَرَّفَهَا لَهُمْ ﴿6﴾ يَا أَيُّهَا الَّذِينَ
آمَنُوا إِن تَنصُرُوا اللَّهَ يَنصُرْكُمْ وَيُثَبِّتْ أَقْدَامَكُمْ ﴿7﴾ وَالَّذِينَ كَفَرُوا
فَتَعْسًا لَّهُمْ وَأَضَلَّ أَعْمَالَهُمْ ﴿8﴾ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمْ كَرِهُوا مَا أَنزَلَ اللَّهُ
فَأَحْبَطَ أَعْمَالَهُمْ ﴿9﴾ ۞ أَفَلَمْ يَسِيرُوا فِي الْأَرْضِ فَيَنظُرُوا كَيْفَ
كَانَ عَاقِبَةُ الَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ ۚ دَمَّرَ اللَّهُ عَلَيْهِمْ ۖ وَلِلْكَافِرِينَ أَمْثَالُهَا ﴿10﴾
ذَٰلِكَ بِأَنَّ اللَّهَ مَوْلَى الَّذِينَ آمَنُوا وَأَنَّ الْكَافِرِينَ لَا مَوْلَىٰ لَهُمْ ﴿11﴾

نصف الحزب 51

47. *Sūratu Muħammad*

(Suret Muħammad – Niżlet f'Medina bi 38 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Dawk li ċaħdu t-twemmin u jżommu *(lil ħaddieħor)* mit-triq ta' Alla *(imisshom jafu li)* Huwa jġib fix-xejn l-għemejjel tagħhom.
2. U lil dawk li jemmnu, jagħmlu l-ġid, u jemmnu f'dak *(il-Qoran)* li tniżżel fuq Muħammad - li huwa s-sewwa minn Sidhom - Huwa jħassrilhom l-għemejjel ħżiena tagħhom u jtejjeb il-qagħda tagħhom.
3. Dan għaliex dawk li ma jemmnux jimxu wara l-qerq, iżda dawk li jemmnu jimxu wara s-sewwa minn Sidhom. Hekk Alla juri lin-nies it-tixbihat tagħhom *(biex jgħallimhom)*.
4. Meta tiltaqgħu *(fit-taqbid)* ma' dawk li ma jemmnux, idorbu*(hom)* fl-għenuq *(u oqtluhom)*, u meta tegħlbuhom, issikkaw l-irbit *(tal-priġunieri, imbagħad)* jew teħilsuhom *(bla ħlas)*, jew bil-fidwa, sa ma t-taqbida tintemm. Hekk *(irid isir)*. Kieku ried, Alla kien jegħlibhom *(lill-għedewwa ta' l-Islam mingħajr taqbid, iżda riedkom titqabdu magħhom)* biex iġarrab lil uħud minnkom b'xulxin. U dawk li nqatlu għal Alla, Huwa ma huwiex se jġib fix-xejn l-għemejjel tagħhom.
5. Huwa se jurihom it-triq u jtejjeb il-qagħda tagħhom.
6. U jdaħħalhom il-Ġenna *(li kien)* għarrafhielhom.
7. Intom li temmnu, jekk tgħinu *(fil-kawża)* ta' Alla, Huwa jgħinkom u jsaħħaħ riġlejkom.
8. Iżda dawk li ma jemmnux, għalihom hemm il-qerda, u Huwa jġib fix-xejn l-għemejjel tagħhom.
9. Dan għaliex huma bagħdu dak li Alla niżżel, u Huwa xejjen l-għemejjel tagħhom.
10. Jaqaw ma terrqux fl-art u ma rawx kif kien it-tmiem ta' dawk *(li għexu)* qabilhom? Alla ġab il-qerda fuqhom, u dawk li ma jemmnux se jkollhom *(tmiem)* bħalu.
11. Dan għaliex Alla jħares lil dawk li jemmnu, u dawk li ma jemmnux ma għandhom lil ħadd min iħarishom.

إِنَّ ٱللَّهَ يُدۡخِلُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ وَعَمِلُواْ ٱلصَّٰلِحَٰتِ جَنَّٰتٖ تَجۡرِي مِن
تَحۡتِهَا ٱلۡأَنۡهَٰرُۖ وَٱلَّذِينَ كَفَرُواْ يَتَمَتَّعُونَ وَيَأۡكُلُونَ كَمَا تَأۡكُلُ ٱلۡأَنۡعَٰمُ
وَٱلنَّارُ مَثۡوٗى لَّهُمۡ ﴿12﴾ وَكَأَيِّن مِّن قَرۡيَةٍ هِيَ أَشَدُّ قُوَّةٗ مِّن قَرۡيَتِكَ
ٱلَّتِيٓ أَخۡرَجَتۡكَ أَهۡلَكۡنَٰهُمۡ فَلَا نَاصِرَ لَهُمۡ ﴿13﴾ أَفَمَن كَانَ عَلَىٰ بَيِّنَةٖ
مِّن رَّبِّهِۦ كَمَن زُيِّنَ لَهُۥ سُوٓءُ عَمَلِهِۦ وَٱتَّبَعُوٓاْ أَهۡوَآءَهُمۡ ﴿14﴾ مَّثَلُ ٱلۡجَنَّةِ
ٱلَّتِي وُعِدَ ٱلۡمُتَّقُونَۖ فِيهَآ أَنۡهَٰرٞ مِّن مَّآءٍ غَيۡرِ ءَاسِنٖ وَأَنۡهَٰرٞ مِّن لَّبَنٖ لَّمۡ
يَتَغَيَّرۡ طَعۡمُهُۥ وَأَنۡهَٰرٞ مِّنۡ خَمۡرٖ لَّذَّةٖ لِّلشَّٰرِبِينَ وَأَنۡهَٰرٞ مِّنۡ عَسَلٖ مُّصَفّٗىۖ
وَلَهُمۡ فِيهَا مِن كُلِّ ٱلثَّمَرَٰتِ وَمَغۡفِرَةٞ مِّن رَّبِّهِمۡۖ كَمَنۡ هُوَ خَٰلِدٞ فِي ٱلنَّارِ
وَسُقُواْ مَآءً حَمِيمٗا فَقَطَّعَ أَمۡعَآءَهُمۡ ﴿15﴾ وَمِنۡهُم مَّن يَسۡتَمِعُ إِلَيۡكَ
حَتَّىٰٓ إِذَا خَرَجُواْ مِنۡ عِندِكَ قَالُواْ لِلَّذِينَ أُوتُواْ ٱلۡعِلۡمَ مَاذَا قَالَ ءَانِفًاۚ
أُوْلَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ طَبَعَ ٱللَّهُ عَلَىٰ قُلُوبِهِمۡ وَٱتَّبَعُوٓاْ أَهۡوَآءَهُمۡ ﴿16﴾ وَٱلَّذِينَ
ٱهۡتَدَواْ زَادَهُمۡ هُدٗى وَءَاتَىٰهُمۡ تَقۡوَىٰهُمۡ ﴿17﴾ فَهَلۡ يَنظُرُونَ إِلَّا
ٱلسَّاعَةَ أَن تَأۡتِيَهُم بَغۡتَةٗۖ فَقَدۡ جَآءَ أَشۡرَاطُهَاۚ فَأَنَّىٰ لَهُمۡ إِذَا جَآءَتۡهُمۡ
ذِكۡرَىٰهُمۡ ﴿18﴾ فَٱعۡلَمۡ أَنَّهُۥ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا ٱللَّهُ وَٱسۡتَغۡفِرۡ لِذَنۢبِكَ
وَلِلۡمُؤۡمِنِينَ وَٱلۡمُؤۡمِنَٰتِۗ وَٱللَّهُ يَعۡلَمُ مُتَقَلَّبَكُمۡ وَمَثۡوَىٰكُمۡ ﴿19﴾

12. Alla tabilħaqq idaħħal lil dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid f'Ġonna *(ta' l-Għeden)* bix-xmajjar jiġru taħthom. Iżda dawk li ma jemmnux, igawdu u jieklu bħalma jieklu l-frat, u n-Nar ikun għamara għalihom.
13. U *(ftakar Muħammad)* kemm-il belt qridna *(li kienet)* aqwa mill-belt tiegħek li keċċietek, u *(nies dawk l-ibliet)* ma kellhomx min jgħinhom.
14. Jaqaw dak li għandu sinjal ċar *(il-Qoran)* minn Sidu huwa bħal dak li żżejjinlu l-ħażen ta' għemilu, u *(dawk li)* jimxu wara x-xewqat tagħhom?
15. Ix-xbieha tal-Ġenna mwiegħda lil dawk li jibżgħu minn Alla *(hija din)*: fiha xmajjar b'ilma ġieri, mhux qiegħed; xmajjar ta' ħalib li togħmtu ma tinbidilx, xmajjar ta' nbid bnin għal min jixrob, u xmajjar ta' għasel imsoffi. Fiha wkoll ikollhom mill-frott kollu, u *(ikollhom)* maħfra minn Sidhom. *(Jaqaw min igawdi dan kollu huwa)* bħal min jinsab fin-Nar għal dejjem, u jingħataw jixorbu ilma jagħli li jqatta' l-ġewwieni tagħhom?
16. Hemm minnhom *(ta' wiċċ b'ieħor)* li jisimgħuk *(Muħammad)*, imbagħad meta joħorġu mingħandek, jgħidu lil dawk li ngħataw l-għarfien: "X'għadu kif qal?" Dawk huma li Alla għamel siġill fuq qlubhom, u li jimxu wara x-xewqat tagħhom.
17. U dawk li mxew fit-triq it-tajba, Alla jżidhom fit-tmexxija t-tajba u jagħtihom it-tjieba tagħhom *(u l-biża' ta' Alla)*.
18. Jaqaw *(dawk li ma jemmnux)* ma jistennewx għajr li tiġihom is-Siegħa għal għarrieda? Tassew li diġà waslu s-sinjali tagħha. U x'se tiswielhom it-tifkira *(tal-Qoran)* ġaladarba *(is-Siegħa)* tkun diġà waslet fuqhom?
19. Mela kun af *(Muħammad)* li ma hemmx alla ħlief Alla, u itlob maħfra għal dnubek, u għal dawk l-irġiel u n-nisa li jemmnu. Alla jaf iċ-ċaqliq tagħkom u *(jaf ukoll)* fejn tistrieħu u torqdu.

وَيَقُولُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَوْلَا نُزِّلَتْ سُورَةٌ ۖ فَإِذَآ أُنزِلَتْ سُورَةٌ
مُّحْكَمَةٌ وَذُكِرَ فِيهَا ٱلْقِتَالُ ۙ رَأَيْتَ ٱلَّذِينَ فِى قُلُوبِهِم مَّرَضٌ
يَنظُرُونَ إِلَيْكَ نَظَرَ ٱلْمَغْشِىِّ عَلَيْهِ مِنَ ٱلْمَوْتِ ۖ فَأَوْلَىٰ لَهُمْ
﴿20﴾ طَاعَةٌ وَقَوْلٌ مَّعْرُوفٌ ۚ فَإِذَا عَزَمَ ٱلْأَمْرُ فَلَوْ صَدَقُوا۟ ٱللَّهَ
لَكَانَ خَيْرًا لَّهُمْ ﴿21﴾ فَهَلْ عَسَيْتُمْ إِن تَوَلَّيْتُمْ أَن تُفْسِدُوا۟
فِى ٱلْأَرْضِ وَتُقَطِّعُوٓا۟ أَرْحَامَكُمْ ﴿22﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ لَعَنَهُمُ ٱللَّهُ
فَأَصَمَّهُمْ وَأَعْمَىٰٓ أَبْصَٰرَهُمْ ﴿23﴾ أَفَلَا يَتَدَبَّرُونَ ٱلْقُرْءَانَ
أَمْ عَلَىٰ قُلُوبٍ أَقْفَالُهَآ ﴿24﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ ٱرْتَدُّوا۟ عَلَىٰٓ أَدْبَٰرِهِم
مِّنۢ بَعْدِ مَا تَبَيَّنَ لَهُمُ ٱلْهُدَى ۙ ٱلشَّيْطَٰنُ سَوَّلَ لَهُمْ وَأَمْلَىٰ
لَهُمْ ﴿25﴾ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمْ قَالُوا۟ لِلَّذِينَ كَرِهُوا۟ مَا نَزَّلَ
ٱللَّهُ سَنُطِيعُكُمْ فِى بَعْضِ ٱلْأَمْرِ ۖ وَٱللَّهُ يَعْلَمُ إِسْرَارَهُمْ
﴿26﴾ فَكَيْفَ إِذَا تَوَفَّتْهُمُ ٱلْمَلَٰٓئِكَةُ يَضْرِبُونَ وُجُوهَهُمْ
وَأَدْبَٰرَهُمْ ﴿27﴾ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمُ ٱتَّبَعُوا۟ مَآ أَسْخَطَ ٱللَّهَ
وَكَرِهُوا۟ رِضْوَٰنَهُۥ فَأَحْبَطَ أَعْمَٰلَهُمْ ﴿28﴾ أَمْ حَسِبَ
ٱلَّذِينَ فِى قُلُوبِهِم مَّرَضٌ أَن لَّن يُخْرِجَ ٱللَّهُ أَضْغَٰنَهُمْ ﴿29﴾

20. Dawk li jemmnu jgħidu: "Għaliex ma titniżżilx xi sura *(li tamar biex nitqabdu għar-reliġjon)*?" Meta titniżżel sura ċara u preċiża li fiha jissemma t-taqbid, inti *(Muħammad)* tara lil dawk li fi qlubhom hemm marda jħarsu lejk b'ħarsa ta' min hu mbeżża' mill-mewt. *(Tkun)* aħjar għalihom
21. ubbidjenza *(lil Alla u lill-Profeta)* u kelma tajba! U meta l-kwistjoni tkun maqtugħa *(dwar il-ħtieġa li jitqabdu għar-reliġjon)*, kieku żammu kelmithom ma' Alla *(u tqabdu kif kien dmirhom li jagħmlu)*, kien ikun aħjar għalihom.
22. U jekk ma tagħtux kas *(l-amar biex titqabdu)*, u terġgħu għalli kontu, taħsbu li m'intomx se tagħmlu ħsara fuq l-art, u taqtgħu r-rabtiet ta' qrubija bejnietkom?
23. Dawk huma li Alla seħet, u għalhekk tarraxhom *(biex ma jisimgħux is-sewwa)* u għamielhom dawl għajnejhom *(biex ma jsibux it-triq id-dritta)*.
24. Mela ma jixtarrux il-Qoran? Jew fuq qlubhom hemm sokriet *(maqfula)*?
25. Dawk li reġgħu lura għalli kienu, wara li ntweriet lilhom it-tmexxija t-tajba, ix-Xitan ħajjarhom *(jagħmlu hekk)* u qanqal fihom tamiet *(foloz)*.
26. Dan għaliex *(l-ipokriti li kienu wiegħdu li se jitqabdu għal Alla, imma ma tqabdux)* qalu lil dawk *(il-Lhud)* li kienu jobogħdu dak li Alla niżżel *(il-Qoran)*: "Se nobdukom f'parti mill-kwistjoni *(tat-taqbid, għaliex m'aħniex se nitqabdu)*." Iżda Alla jaf is-sigrieti tagħhom.
27. Mela kif *(se tkun il-qagħda ta' l-ipokriti)* meta l-anġli *(tal-kastig)* jeħdulhom ħajjithom u jidorbuhom fuq wiċċhom u daharhom?
28. Dan għaliex huma mxew wara dak li għaddab lil Alla, u *(għaliex huma)* kienu jobogħdu l-għaxqa tiegħu. Għalhekk Huwa xejjen l-għemejjel tagħhom.
29. Jaqaw dawk *(l-ipokriti)* li fi qlubhom hemm marda jaħsbu li Alla ma huwiex se joħroġ fil-beraħ il-mibegħda kbira tagħhom *(lejn l-Islam u l-Misilmin)*?

وَلَوْ نَشَآءُ لَأَرَيْنَٰكَهُمْ فَلَعَرَفْتَهُم بِسِيمَٰهُمْ ۚ وَلَتَعْرِفَنَّهُمْ فِى
لَحْنِ ٱلْقَوْلِ ۚ وَٱللَّهُ يَعْلَمُ أَعْمَٰلَكُمْ ﴿30﴾ وَلَنَبْلُوَنَّكُمْ حَتَّىٰ نَعْلَمَ
ٱلْمُجَٰهِدِينَ مِنكُمْ وَٱلصَّٰبِرِينَ وَنَبْلُوَا۟ أَخْبَارَكُمْ ﴿31﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ
كَفَرُوا۟ وَصَدُّوا۟ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ وَشَآقُّوا۟ ٱلرَّسُولَ مِنۢ بَعْدِ مَا تَبَيَّنَ
لَهُمُ ٱلْهُدَىٰ لَن يَضُرُّوا۟ ٱللَّهَ شَيْـًٔا وَسَيُحْبِطُ أَعْمَٰلَهُمْ ﴿32﴾
۞ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ أَطِيعُوا۟ ٱللَّهَ وَأَطِيعُوا۟ ٱلرَّسُولَ وَلَا تُبْطِلُوٓا۟
أَعْمَٰلَكُمْ ﴿33﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ وَصَدُّوا۟ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ ثُمَّ مَاتُوا۟
وَهُمْ كُفَّارٌ فَلَن يَغْفِرَ ٱللَّهُ لَهُمْ ﴿34﴾ فَلَا تَهِنُوا۟ وَتَدْعُوٓا۟ إِلَى ٱلسَّلْمِ
وَأَنتُمُ ٱلْأَعْلَوْنَ وَٱللَّهُ مَعَكُمْ وَلَن يَتِرَكُمْ أَعْمَٰلَكُمْ ﴿35﴾ إِنَّمَا
ٱلْحَيَوٰةُ ٱلدُّنْيَا لَعِبٌ وَلَهْوٌ ۚ وَإِن تُؤْمِنُوا۟ وَتَتَّقُوا۟ يُؤْتِكُمْ أُجُورَكُمْ
وَلَا يَسْـَٔلْكُمْ أَمْوَٰلَكُمْ ﴿36﴾ إِن يَسْـَٔلْكُمُوهَا فَيُحْفِكُمْ
تَبْخَلُوا۟ وَيُخْرِجْ أَضْغَٰنَكُمْ ﴿37﴾ هَٰٓأَنتُمْ هَٰٓؤُلَآءِ تُدْعَوْنَ
لِتُنفِقُوا۟ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ ۖ فَمِنكُم مَّن يَبْخَلُ ۖ وَمَن يَبْخَلْ
فَإِنَّمَا يَبْخَلُ عَن نَّفْسِهِۦ ۚ وَٱللَّهُ ٱلْغَنِىُّ وَأَنتُمُ ٱلْفُقَرَآءُ ۚ وَإِن
تَتَوَلَّوْا۟ يَسْتَبْدِلْ قَوْمًا غَيْرَكُمْ ثُمَّ لَا يَكُونُوٓا۟ أَمْثَٰلَكُم ﴿38﴾

ثلاثة أرباع
الحزب
51

30. Kieku ridna *(Muħammad)* konna nuruhomlok *(l-ipokriti)*, u kont tagħrafhom mis-sinjali tagħhom. Inti tassew tagħrafhom mill-ħażen tal-kliem *(tagħhom u ta' għemilhom)*. Alla jaf l-għemejjel tagħkom.

31. Aħna tassew inġarrbukom biex inkunu nafu min minnkom huma l-ġellieda *(għar-reliġjon)* u dawk li jistabru, u nġarrbu *(ukoll)* l-għemejjel tagħkom *(it-tajbin u l-ħżiena)*.

32. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux, li jżommu *(lil ħaddieħor)* mit-triq ta' Alla, u jeħduha kontra l-Profeta, wara li ntweritilhom biċ-ċar it-tmexxija t-tajba, xejn ma huma se jagħmlu ħsara lil Alla, u Huwa jxejnilhom l-għemejjel tagħhom.

33. Intom li temmnu, obdu lil Alla, obdu lill-Mibgħut *(tiegħu)*, u la ġġibux fix-xejn l-għemejjel tagħkom!

34. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux, li jżommu *(lil ħaddieħor)* mit-triq ta' Alla, imbagħad imutu bla twemmin, Alla ma huwiex se jaħfrilhom.

35. Mela la tiddgħajfux, u ssejħux għas-sliem *(qabel ma ssir ġustizzja)*, meta intom minn fuq! U Alla magħkom u ma jnaqqsilkomx l-għemejjel *(tajba)* tagħkom.

36. Il-ħajja tad-dinja hija biss logħob u mogħdija ta' żmien, u jekk temmnu u tibżgħu minn Alla, jagħtikom ħlaskom u ma jitlobkomx ġidkom *(biex tonfquh kollu għal Alla)*.

37. Li kieku jitlobhulkom u jagħfaskom *(biex tonfquh kollu)*, kieku tixxaħħu *(miegħu)*, u Huwa joħroġ *(minnkom)* il-mibegħda tagħkom *(fil-beraħ)*.

38. Hawn intom, dawk li tissejħu biex tonfqu għal Alla, iżda hemm minnkom min jixxaħħaħ. Min jixxaħħaħ, ikun jixxaħħaħ biss miegħu nnifsu. Alla huwa l-Għani, u intom il-foqra. U jekk terġgħu lura għalli kontu, Huwa jibdilkom ma' ġens ieħor, u mbagħad *(dawn in-nies)* ma jkunux bħalkom.

سُورَةُ الفَتْحِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

إِنَّا فَتَحْنَا لَكَ فَتْحًا مُّبِينًا ﴿1﴾ لِّيَغْفِرَ لَكَ اللَّهُ مَا تَقَدَّمَ مِن ذَنبِكَ
وَمَا تَأَخَّرَ وَيُتِمَّ نِعْمَتَهُ عَلَيْكَ وَيَهْدِيَكَ صِرَاطًا مُّسْتَقِيمًا ﴿2﴾
وَيَنصُرَكَ اللَّهُ نَصْرًا عَزِيزًا ﴿3﴾ هُوَ الَّذِي أَنزَلَ السَّكِينَةَ فِي قُلُوبِ
الْمُؤْمِنِينَ لِيَزْدَادُوا إِيمَانًا مَّعَ إِيمَانِهِمْ ۗ وَلِلَّهِ جُنُودُ السَّمَاوَاتِ
وَالْأَرْضِ ۚ وَكَانَ اللَّهُ عَلِيمًا حَكِيمًا ﴿4﴾ لِّيُدْخِلَ الْمُؤْمِنِينَ وَالْمُؤْمِنَاتِ
جَنَّاتٍ تَجْرِي مِن تَحْتِهَا الْأَنْهَارُ خَالِدِينَ فِيهَا وَيُكَفِّرَ عَنْهُمْ
سَيِّئَاتِهِمْ ۚ وَكَانَ ذَٰلِكَ عِندَ اللَّهِ فَوْزًا عَظِيمًا ﴿5﴾ وَيُعَذِّبَ
الْمُنَافِقِينَ وَالْمُنَافِقَاتِ وَالْمُشْرِكِينَ وَالْمُشْرِكَاتِ الظَّانِّينَ
بِاللَّهِ ظَنَّ السَّوْءِ ۚ عَلَيْهِمْ دَائِرَةُ السَّوْءِ ۖ وَغَضِبَ اللَّهُ عَلَيْهِمْ
وَلَعَنَهُمْ وَأَعَدَّ لَهُمْ جَهَنَّمَ ۖ وَسَاءَتْ مَصِيرًا ﴿6﴾ وَلِلَّهِ جُنُودُ
السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضِ ۚ وَكَانَ اللَّهُ عَزِيزًا حَكِيمًا ﴿7﴾ إِنَّا أَرْسَلْنَاكَ
شَاهِدًا وَمُبَشِّرًا وَنَذِيرًا ﴿8﴾ لِّتُؤْمِنُوا بِاللَّهِ وَرَسُولِهِ
وَتُعَزِّرُوهُ وَتُوَقِّرُوهُ وَتُسَبِّحُوهُ بُكْرَةً وَأَصِيلًا ﴿9﴾

48. *Sūratu l-Fatħ*

(Suret ir-Rebħa – Niżlet f'Medina b'29 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Tabilħaqq rebbaħniek *(Muħammad)* rebħa biċ-ċar *(f'Mekka)*,
2. biex Alla jaħfirlek dnubek ta' qabel u ta' wara, iġib fil-milja tagħha l-grazzja tiegħu fuqek, u jmexxik fi triq dritta.
3. Alla jagħtik rebħa kbira.
4. Huwa li *(f'Ħudajbija)* niżżel ir-rahan tas-sliem fi qlub dawk li jemmnu biex jiżdiedu fi twemminhom.[64] Ta' Alla huma l-qawwiet tas-smewwiet u ta' l-art *(l-anġli, il-ġinn, il-beraq, it-theżżiż ta' l-art, il-bhejjem, u qawwiet oħra li ħadd ma jegħlibhom)*. Alla jaf kollox, l-Għaref –
5. biex idaħħal lill-irġiel u lin-nisa li jemmnu f'Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, biex fihom jibqgħu għal dejjem, u jħassrilhom l-għemejjel ħżiena tagħhom – dik tkun rebħa kbira quddiem Alla –
6. u biex jikkastiga lill-irġiel u lin-nisa ipokriti, u lill-irġiel u lin-nisa li jxierku allat foloz ma' Alla, li jaħsbu ħażin f'Alla. Ħalli jdur fuqhom il-ħażen *(u d-deni li jixtiequ lil dawk li jemmnu)*! Alla jagħdab għalihom u jisħethom, u ħejjielhom l-Infern – tmiem ħażin *(tassew)*!
7. Ta' Alla huma l-qawwiet tas-smewwiet u ta' l-art. Alla Felħan, Għaref.
8. Aħna tabilħaqq bgħatniek xhud u wieħed li jagħti l-bxara u jwissi,
9. biex temmnu f'Alla u fil-Mibgħut tiegħu, u biex tkunu ta' għajnuna għalih, tagħtuh ġieħ, u ssebbħuh *(lil Alla)* filgħodu u filgħaxija.

---

[64] Fi kliem ieħor il-frażi *ir-rahan ta' sliem* (bl-Għarbi *sakīna*) tfisser "sens ta' sigurtà, sodisfazzjon u paċi" li Alla biss jaf jixħet fi qlub il-bnedmin.

إِنَّ ٱلَّذِينَ يُبَايِعُونَكَ إِنَّمَا يُبَايِعُونَ ٱللَّهَ يَدُ ٱللَّهِ فَوْقَ أَيْدِيهِمْ ۚ
فَمَن نَّكَثَ فَإِنَّمَا يَنكُثُ عَلَىٰ نَفْسِهِۦ ۖ وَمَنْ أَوْفَىٰ بِمَا عَٰهَدَ عَلَيْهُ
ٱللَّهَ فَسَيُؤْتِيهِ أَجْرًا عَظِيمًا ﴿10﴾ سَيَقُولُ لَكَ ٱلْمُخَلَّفُونَ
مِنَ ٱلْأَعْرَابِ شَغَلَتْنَآ أَمْوَٰلُنَا وَأَهْلُونَا فَٱسْتَغْفِرْ لَنَا ۚ يَقُولُونَ
بِأَلْسِنَتِهِم مَّا لَيْسَ فِى قُلُوبِهِمْ ۚ قُلْ فَمَن يَمْلِكُ لَكُم مِّنَ ٱللَّهِ
شَيْـًٔا إِنْ أَرَادَ بِكُمْ ضَرًّا أَوْ أَرَادَ بِكُمْ نَفْعًا ۚ بَلْ كَانَ ٱللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ
خَبِيرًا ﴿11﴾ بَلْ ظَنَنتُمْ أَن لَّن يَنقَلِبَ ٱلرَّسُولُ وَٱلْمُؤْمِنُونَ إِلَىٰٓ
أَهْلِيهِمْ أَبَدًا وَزُيِّنَ ذَٰلِكَ فِى قُلُوبِكُمْ وَظَنَنتُمْ ظَنَّ ٱلسَّوْءِ
وَكُنتُمْ قَوْمًۢا بُورًا ﴿12﴾ وَمَن لَّمْ يُؤْمِنۢ بِٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦ فَإِنَّآ
أَعْتَدْنَا لِلْكَٰفِرِينَ سَعِيرًا ﴿13﴾ وَلِلَّهِ مُلْكُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۚ
يَغْفِرُ لِمَن يَشَآءُ وَيُعَذِّبُ مَن يَشَآءُ ۚ وَكَانَ ٱللَّهُ غَفُورًا
رَّحِيمًا ﴿14﴾ سَيَقُولُ ٱلْمُخَلَّفُونَ إِذَا ٱنطَلَقْتُمْ إِلَىٰ
مَغَانِمَ لِتَأْخُذُوهَا ذَرُونَا نَتَّبِعْكُمْ ۖ يُرِيدُونَ أَن يُبَدِّلُوا۟
كَلَٰمَ ٱللَّهِ ۚ قُل لَّن تَتَّبِعُونَا كَذَٰلِكُمْ قَالَ ٱللَّهُ مِن قَبْلُ ۖ
فَسَيَقُولُونَ بَلْ تَحْسُدُونَنَا ۚ بَلْ كَانُوا۟ لَا يَفْقَهُونَ إِلَّا قَلِيلًا ﴿15﴾

10. Tabilħaqq li dawk li jaħilfu fedeltà lejk *(Muħammad)* ma jkunux jaħilfu fedeltà jekk mhux lejn Alla. Id Alla tkun fuq idejhom. Min jikser *(dik)* ir-rabta, ma jiksirhiex jekk mhux bi ħsara għalih innifsu, u min iżomm il-wegħda tiegħu ma' Alla, *(Alla)* se jagħtih ħlas kbir.

11. Il-bedwini *(ta' Medina)* li baqgħu lura *(u ma ħarġux jitqabdu miegħek, Muħammad)* se jgħidulek: "Konna mħabbtin b'ġidna u b'niesna *(u għalhekk ma stajniex noħorġu nitqabdu)*. Għalhekk itlob maħfra għalina." Bi lsienhom jgħidu dak li ma huwiex fi qlubhom. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Min jista' jagħmlilkom xi ħaġa quddiem Alla, jekk Huwa jridilkom xi ħsara, jew iridilkom xi fejda?" Le! Alla jaf sew b'dak li tagħmlu.

12. Le! Intom ħsibtu li l-Mibgħut *(Muħammad)* u dawk li jemmnu *(il-Misilmin)* ma kienu se jerġgħu lura qatt lejn qrabathom *(f'Medina għaliex ħsibtu li l-pagani Mekkin se joqtluhom)*; dąk *(il-ħsieb)* dehrilkom sabiħ fi qlubkom u ħsibtu ħażin. Intom kontu nies meqrudin.

13. U min m'emminx f'Alla u fil-Mibgħut tiegħu *(għandu jkun jaf)* li Aħna tabilħaqq ħejjejna Nar iħeġġeġ għal dawk li ċaħdu t-twemmin.

14. Ta' Alla *(hija)* is-saltna fuq is-smewwiet u fuq l-art. Huwa jaħfer lil min irid, u jikkastiga lil min irid. Alla Kollu Maħfra, il-Ħanin.

15. Dawk li baqgħu lura *(u ma ħarġux jitqabdu)* se jgħidu *(hekk)* meta toħorġu biex tieħdu l-priża: "Ħalluna niġu warajkom." Huma jridu jbiddlu kliem Alla *(li wiegħed il-priża lil dawk biss li ħarġu mal-Profeta)*. Għid*(ilhom Muħammad)*: "M'intomx ġejjin warajna! Hekk qal Alla, qabel." Se jgħidu*(lkom)*: "Le! Intom tgħiru għalina." Le, *(mhux hekk)*! Ma kinux jifhmu, għajr ftit.

قُل لِّلْمُخَلَّفِينَ مِنَ ٱلْأَعْرَابِ سَتُدْعَوْنَ إِلَىٰ قَوْمٍ أُو۟لِى بَأْسٍ شَدِيدٍ
تُقَٰتِلُونَهُمْ أَوْ يُسْلِمُونَ ۖ فَإِن تُطِيعُوا۟ يُؤْتِكُمُ ٱللَّهُ أَجْرًا حَسَنًا ۖ
وَإِن تَتَوَلَّوْا۟ كَمَا تَوَلَّيْتُم مِّن قَبْلُ يُعَذِّبْكُمْ عَذَابًا أَلِيمًا ﴿16﴾ لَّيْسَ
عَلَى ٱلْأَعْمَىٰ حَرَجٌ وَلَا عَلَى ٱلْأَعْرَجِ حَرَجٌ وَلَا عَلَى ٱلْمَرِيضِ حَرَجٌ ۗ
وَمَن يُطِعِ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ يُدْخِلْهُ جَنَّٰتٍ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ ۖ
وَمَن يَتَوَلَّ يُعَذِّبْهُ عَذَابًا أَلِيمًا ﴿17﴾ ۞ لَّقَدْ رَضِىَ ٱللَّهُ عَنِ
ٱلْمُؤْمِنِينَ إِذْ يُبَايِعُونَكَ تَحْتَ ٱلشَّجَرَةِ فَعَلِمَ مَا فِى قُلُوبِهِمْ
فَأَنزَلَ ٱلسَّكِينَةَ عَلَيْهِمْ وَأَثَٰبَهُمْ فَتْحًا قَرِيبًا ﴿18﴾ وَمَغَانِمَ
كَثِيرَةً يَأْخُذُونَهَا ۗ وَكَانَ ٱللَّهُ عَزِيزًا حَكِيمًا ﴿19﴾ وَعَدَكُمُ ٱللَّهُ
مَغَانِمَ كَثِيرَةً تَأْخُذُونَهَا فَعَجَّلَ لَكُمْ هَٰذِهِۦ وَكَفَّ أَيْدِىَ
ٱلنَّاسِ عَنكُمْ وَلِتَكُونَ ءَايَةً لِّلْمُؤْمِنِينَ وَيَهْدِيَكُمْ صِرَٰطًا
مُّسْتَقِيمًا ﴿20﴾ وَأُخْرَىٰ لَمْ تَقْدِرُوا۟ عَلَيْهَا قَدْ أَحَاطَ ٱللَّهُ بِهَا ۚ
وَكَانَ ٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرًا ﴿21﴾ وَلَوْ قَٰتَلَكُمُ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟
لَوَلَّوُا۟ ٱلْأَدْبَٰرَ ثُمَّ لَا يَجِدُونَ وَلِيًّا وَلَا نَصِيرًا ﴿22﴾ سُنَّةَ
ٱللَّهِ ٱلَّتِى قَدْ خَلَتْ مِن قَبْلُ ۖ وَلَن تَجِدَ لِسُنَّةِ ٱللَّهِ تَبْدِيلًا ﴿23﴾

الحزب 52

16. Għid *(Muħammad)* lill-bedwini *(ta' Medina)* li baqgħu lura *(u ma ħarġux jitqabdu miegħek meta mort Mekka)*: "Se tissejħu *(biex titqabdu)* ma' nies ta' qilla kbira. *(Jew)* titqabdu magħhom, jew isiru Misilmin *(bla taqbid)*. U jekk tobdu, Alla jagħtikom ħlas tajjeb. Iżda jekk terġgħu lura *(u ma toħorġux għat-taqbid)*, bħalma rġajtu lura qabel, Huwa jagħtikom kastig ta' wġigħ!"
17. Ma hemm ebda ħtija fuq l-agħma, u la fuq iz-zopp, u lanqas fuq il-marid ma hemm ħtija *(jekk ma joħorġux jitqabdu mal-bqija tal-Misilmin)*. U min joqgħod għal Alla u għall-Mibgħut tiegħu, Huwa jdaħħlu f'Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, iżda min jerġa' lura *(u ma jitqabadx)*, Huwa jagħtih kastig ta' wġigħ.
18. Tabilħaqq l-għaxqa ta' Alla kienet fuq dawk li jemmnu, meta ħalfulek *(Muħammad)* fedeltà taħt is-siġra *(f'Ħudajbija)*. Huwa kien jaf x'hemm fi qlubhom u *(għalhekk)* niżżel fuqhom ir-rahan tas-sliem, u ħallashom b'rebħa f'qasir żmien *(dik f'Ħajbar)*,
19. u bi priża kotrana li huma jieħdu. Alla huwa Qawwi, Għaref.
20. Alla wegħedkom li tieħdu priża kotrana u għalhekk għaġġlilkom din *(il-priża, għaliex ma domtux ma ksibtuha f'Ħajbar)*, u żamm lura idejn in-nies minn fuqkom *(hekk li l-għedewwa tagħkom ma setgħu jagħmlulkom xejn)* biex *(ir-rebħa)* tkun sinjal għal dawk li jemmnu, u Huwa jmexxikom fi triq dritta.
21. *(Hemm priża)* oħra li ma stajtux għaliha *(il-belt ta' Mekka)*, u li Alla tassew iżomm taħt idejh. Alla huwa fuq kollox Setgħan.
22. Kieku dawk li ma jemmnux jitqabdu magħkom, kieku jaħarbu lura, u mbagħad ma jsibux min iħarishom u lanqas min jgħinhom.
23. Hija d-drawwa ta' Alla li kienet fis-seħħ sa minn qabel, u m'intix se ssib tibdil fid-drawwa ta' Alla.

وَهُوَ الَّذِي كَفَّ أَيْدِيَهُمْ عَنكُمْ وَأَيْدِيَكُمْ عَنْهُم بِبَطْنِ مَكَّةَ مِنْ
بَعْدِ أَنْ أَظْفَرَكُمْ عَلَيْهِمْ ۚ وَكَانَ اللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ بَصِيرًا ﴿24﴾ هُمُ
الَّذِينَ كَفَرُوا وَصَدُّوكُمْ عَنِ الْمَسْجِدِ الْحَرَامِ وَالْهَدْيَ
مَعْكُوفًا أَن يَبْلُغَ مَحِلَّهُ ۚ وَلَوْلَا رِجَالٌ مُّؤْمِنُونَ وَنِسَاءٌ مُّؤْمِنَاتٌ
لَّمْ تَعْلَمُوهُمْ أَن تَطَئُوهُمْ فَتُصِيبَكُم مِّنْهُم مَّعَرَّةٌ بِغَيْرِ عِلْمٍ ۖ
لِّيُدْخِلَ اللَّهُ فِي رَحْمَتِهِ مَن يَشَاءُ ۚ لَوْ تَزَيَّلُوا لَعَذَّبْنَا الَّذِينَ
كَفَرُوا مِنْهُمْ عَذَابًا أَلِيمًا ﴿25﴾ إِذْ جَعَلَ الَّذِينَ كَفَرُوا
فِي قُلُوبِهِمُ الْحَمِيَّةَ حَمِيَّةَ الْجَاهِلِيَّةِ فَأَنزَلَ اللَّهُ سَكِينَتَهُ
عَلَىٰ رَسُولِهِ وَعَلَى الْمُؤْمِنِينَ وَأَلْزَمَهُمْ كَلِمَةَ التَّقْوَىٰ
وَكَانُوا أَحَقَّ بِهَا وَأَهْلَهَا ۚ وَكَانَ اللَّهُ بِكُلِّ شَيْءٍ عَلِيمًا ﴿26﴾
لَّقَدْ صَدَقَ اللَّهُ رَسُولَهُ الرُّؤْيَا بِالْحَقِّ ۖ لَتَدْخُلُنَّ الْمَسْجِدَ
الْحَرَامَ إِن شَاءَ اللَّهُ آمِنِينَ مُحَلِّقِينَ رُءُوسَكُمْ وَمُقَصِّرِينَ
لَا تَخَافُونَ ۖ فَعَلِمَ مَا لَمْ تَعْلَمُوا فَجَعَلَ مِن دُونِ ذَٰلِكَ
فَتْحًا قَرِيبًا ﴿27﴾ هُوَ الَّذِي أَرْسَلَ رَسُولَهُ بِالْهُدَىٰ وَدِينِ
الْحَقِّ لِيُظْهِرَهُ عَلَى الدِّينِ كُلِّهِ ۚ وَكَفَىٰ بِاللَّهِ شَهِيدًا ﴿28﴾

24. Huwa li żamm idejhom *(il-pagani)* minn fuqkom, *(biex ma jagħmlulkom xejn, u żamm)* idejkom minn fuqhom fil-wied ta' Mekka, wara li ħariġkom rebbiħin fuqhom *(u qbadtu lil uħud minnhom priġunieri)*. Alla jara sew dak li tagħmlu.

25. Huma li m'emmnux u żammukom mill-Moskea mqaddsa u żammu s-sagrifiċċju *(f'għamla ta' bhejjem)* milli jasal f'postu *(f'Mekka)*. Li kieku mhux għal irġiel u nisa *(f'Mekka)* li jemmnu *(bil-moħbi)*, u li intom ma tafuhomx – biex ma titfgħuhomx taħt saqajkom, u minħabba fihom issibkom il-ħtija bla ma tafu – *(Alla kien iħallikom tidħlu f'Mekka bil-qawwa, iżda żammkom milli tagħmlu dan)* biex Alla jdaħħal fil-ħniena tiegħu lil min irid. Kieku *(dawk li jemmnu u l-oħrajn li ma jemmnux)* jinfirdu minn xulxin, konna nikkastigaw lil dawk minnhom li m'emmnux b'kastig ta' wġigħ.

26. Meta dawk li m'emmnux xeħtu l-kburija *(u l-fanatiżmu)* fi qlubhom – il-kburija ta' *(żmien)* l-injuranza *(qabel ma deher l-Islam)* – Alla niżżel ir-rahan tas-sliem tiegħu fuq il-Mibgħut tiegħu u fuq dawk li jemmnu, u rabathom bil-kelma tal-biża' ta' Alla. Huma kienu l-aktar li jistħoqquha u tixirqilhom. Alla jaf b'kollox.

27. Alla tabilħaqq seddaq il-ħolma li ra l-Mibgħut tiegħu *(dwar ir-rebħa kbira tal-Misilmin fuq il-pagani f'Mekka, u din se sseħħ)*. Intom *(Muħammad u l-Misilmin miegħek)* tassew tidħlu l-Moskea mqaddsa *(f'Mekka)*, jekk Alla jrid, imħarsin, bi rjuskom imqaxxrin jew xagħarkom imqassar, u ma tibżgħux. Huwa jaf dak li ma tafux, u qabel dak, ġab rebħa f'qasir żmien *(ir-rebħa f'Ħudajbija)*.

28. Huwa li bagħat lill-Mibgħut tiegħu bit-tmexxija t-tajba u bid-din tas-sewwa, biex jgħollih fuq kull din *(ieħor)*. Alla huwa biżżejjed *(għalikom)* bħala Xhud.

مُّحَمَّدٌ رَّسُولُ ٱللَّهِ ۚ وَٱلَّذِينَ مَعَهُۥٓ أَشِدَّآءُ عَلَى ٱلْكُفَّارِ رُحَمَآءُ بَيْنَهُمْ ۖ
تَرَىٰهُمْ رُكَّعًا سُجَّدًا يَبْتَغُونَ فَضْلًا مِّنَ ٱللَّهِ وَرِضْوَٰنًا ۖ سِيمَاهُمْ
فِى وُجُوهِهِم مِّنْ أَثَرِ ٱلسُّجُودِ ۚ ذَٰلِكَ مَثَلُهُمْ فِى ٱلتَّوْرَىٰةِ ۚ وَمَثَلُهُمْ
فِى ٱلْإِنجِيلِ كَزَرْعٍ أَخْرَجَ شَطْـَٔهُۥ فَـَٔازَرَهُۥ فَٱسْتَغْلَظَ فَٱسْتَوَىٰ
عَلَىٰ سُوقِهِۦ يُعْجِبُ ٱلزُّرَّاعَ لِيَغِيظَ بِهِمُ ٱلْكُفَّارَ ۗ وَعَدَ ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ مِنْهُم مَّغْفِرَةً وَأَجْرًا عَظِيمًا ﴿٢٩﴾

سُورَةُ الحُجُرَاتِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

ربع الحزب 52

يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَا تُقَدِّمُوا۟ بَيْنَ يَدَىِ ٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦ ۖ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ ۚ
إِنَّ ٱللَّهَ سَمِيعٌ عَلِيمٌ ﴿١﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَا تَرْفَعُوٓا۟ أَصْوَٰتَكُمْ
فَوْقَ صَوْتِ ٱلنَّبِىِّ وَلَا تَجْهَرُوا۟ لَهُۥ بِٱلْقَوْلِ كَجَهْرِ بَعْضِكُمْ
لِبَعْضٍ أَن تَحْبَطَ أَعْمَٰلُكُمْ وَأَنتُمْ لَا تَشْعُرُونَ ﴿٢﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ
يَغُضُّونَ أَصْوَٰتَهُمْ عِندَ رَسُولِ ٱللَّهِ أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلَّذِينَ ٱمْتَحَنَ ٱللَّهُ
قُلُوبَهُمْ لِلتَّقْوَىٰ ۚ لَهُم مَّغْفِرَةٌ وَأَجْرٌ عَظِيمٌ ﴿٣﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ
يُنَادُونَكَ مِن وَرَآءِ ٱلْحُجُرَٰتِ أَكْثَرُهُمْ لَا يَعْقِلُونَ ﴿٤﴾

29. Muħammad huwa l-Mibgħut ta' Alla, u dawk ta' miegħu huma qliel kontra dawk li ma jemmnux, juru ħniena lejn xulxin, u tarahom milwijin u mixħutin fl-art jitolbu barka u għaxqa minn Alla. Is-sinjal tagħhom jinsab fl-uċuħ tagħhom, *(u jingħarfu)* mill-marki li jidhru, minħabba li jinxteħtu fl-art *(iqimu lil Alla)*. Din hija t-tixbiha tagħhom fit-*Torā*, u t-tixbiha tagħhom fl-Evanġelju: *(huma)* bħal żerriegħa li ħarġet il-werqa tagħha, qawwietha sa ma bbieset u waqfet fuq iz-zokk tagħha. Hija togħġob lil dawk li żergħu*(ha)* – biex bihom *(b'dawk li żergħu din ix-xitla)* Huwa jqanqal l-għadab ta' dawk li ma jemmnux. Alla wiegħed maħfra u ħlas kbir lil dawk minnhom li jemmnu u jagħmlu l-ġid.

49. *Sūratu l-Huġurāt*

(Suret il-Kmamar ta' Ġewwa – Niżlet f'Medina bi 18-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Intom li temmnu, tqegħdux lilkom infuskom qabel Alla u l-Mibgħut tiegħu *(Muħammad, billi taqbdu u tieħdu xi deċiżjoni qabel ma tisimgħu mingħand Alla u l-Mibgħut tiegħu)*, u ibżgħu minn Alla! Alla tabilħaqq jisma' kollox u jaf kollox.
2. Intom li temmnu, la terfgħux leħinkom fuq leħen il-Profeta, u la tgħollux leħinkom miegħu, bħalma tgħollu leħinkom bejnietkom, li ma jiġux fix-xejn l-għemejjel tagħkom mingħajr ma tintebħu!
3. Tabilħaqq li dawk li jbaxxu leħinhom quddiem il-Mibgħut ta' Alla huma dawk li Alla ħejja qlubhom għat-tjieba. Għalihom hemm maħfra u ħlas kbir *(fil-Ġenna)*.
4. Tabilħaqq li dawk li jsejħulek *(Muħammad)* minn wara l-kmamar ta' ġewwa *(fejn joqogħdu n-nisa tiegħek)*, il-kotra tagħhom ma jifhmux *(għaliex ma jmisshomx jagħmlu hekk)*.

وَلَوْ أَنَّهُمْ صَبَرُوا حَتَّىٰ تَخْرُجَ إِلَيْهِمْ لَكَانَ خَيْرًا لَّهُمْ ۚ وَاللَّهُ غَفُورٌ
رَّحِيمٌ ﴿5﴾ يَا أَيُّهَا الَّذِينَ آمَنُوا إِن جَاءَكُمْ فَاسِقٌ بِنَبَإٍ فَتَبَيَّنُوا
أَن تُصِيبُوا قَوْمًا بِجَهَالَةٍ فَتُصْبِحُوا عَلَىٰ مَا فَعَلْتُمْ نَادِمِينَ ﴿6﴾
وَاعْلَمُوا أَنَّ فِيكُمْ رَسُولَ اللَّهِ ۚ لَوْ يُطِيعُكُمْ فِي كَثِيرٍ مِّنَ الْأَمْرِ لَعَنِتُّمْ
وَلَٰكِنَّ اللَّهَ حَبَّبَ إِلَيْكُمُ الْإِيمَانَ وَزَيَّنَهُ فِي قُلُوبِكُمْ وَكَرَّهَ إِلَيْكُمُ
الْكُفْرَ وَالْفُسُوقَ وَالْعِصْيَانَ ۚ أُولَٰئِكَ هُمُ الرَّاشِدُونَ ﴿7﴾
فَضْلًا مِّنَ اللَّهِ وَنِعْمَةً ۚ وَاللَّهُ عَلِيمٌ حَكِيمٌ ﴿8﴾ وَإِن طَائِفَتَانِ
مِنَ الْمُؤْمِنِينَ اقْتَتَلُوا فَأَصْلِحُوا بَيْنَهُمَا ۖ فَإِن بَغَتْ إِحْدَاهُمَا
عَلَى الْأُخْرَىٰ فَقَاتِلُوا الَّتِي تَبْغِي حَتَّىٰ تَفِيءَ إِلَىٰ أَمْرِ اللَّهِ ۚ فَإِن فَاءَتْ
فَأَصْلِحُوا بَيْنَهُمَا بِالْعَدْلِ وَأَقْسِطُوا ۖ إِنَّ اللَّهَ يُحِبُّ الْمُقْسِطِينَ
﴿9﴾ إِنَّمَا الْمُؤْمِنُونَ إِخْوَةٌ فَأَصْلِحُوا بَيْنَ أَخَوَيْكُمْ ۚ وَاتَّقُوا اللَّهَ
لَعَلَّكُمْ تُرْحَمُونَ ﴿10﴾ يَا أَيُّهَا الَّذِينَ آمَنُوا لَا يَسْخَرْ قَوْمٌ مِّن قَوْمٍ
عَسَىٰ أَن يَكُونُوا خَيْرًا مِّنْهُمْ وَلَا نِسَاءٌ مِّن نِّسَاءٍ عَسَىٰ أَن يَكُنَّ خَيْرًا
مِّنْهُنَّ ۖ وَلَا تَلْمِزُوا أَنفُسَكُمْ وَلَا تَنَابَزُوا بِالْأَلْقَابِ ۖ بِئْسَ الِاسْمُ
الْفُسُوقُ بَعْدَ الْإِيمَانِ ۚ وَمَن لَّمْ يَتُبْ فَأُولَٰئِكَ هُمُ الظَّالِمُونَ ﴿11﴾

5. Kieku qagħdu b'sabarhom sakemm toħroġ ħdejhom, kien ikun aħjar għalihom. Alla Kollu Maħfra, Ħanin.
6. Intom li temmnu, jekk jiġikom bniedem ħażin b'xi aħbar, iflu sew *(dak li tisimgħu)*, li ma tagħmlux ħsara lil xi nies mingħajr ma tafu, u tindmu minn dak li għamiltu.
7. U kunu afu li fostkom hemm il-Mibgħut ta' Alla. Kieku kellu jobdikom f'ħafna mill-ħwejjeġ *(li tressqu quddiemu)*, kontu tbatu *(għaliex ħafna minnhom huma ta' ħsara għalikom)*, iżda Alla ħabbibkom mat-twemmin, żejnu fi qlubkom u għamilkom tistkerrhu ċ-ċaħda tat-twemmin, il-ħażen u d-diżubbidjenza. Dawk huma li qegħdin fit-triq it-tajba,
8. b'tjieba u bi grazzja minn Alla. Alla jaf kollox, Għaref.
9. U jekk żewġ ġemgħat minn dawk li jemmnu jitqatlu bejniethom, agħmluhom paċi! U jekk waħda minnhom it-tnejn iġġib ruħha ħażin ma' l-oħra, tqabdu kontra dik li ġġib ruħha ħażin, sa ma terġa' lura lejn l-amar ta' Alla *(li jrid li l-Misilmin jgħixu fis-sliem bejniethom)*! Jekk *(dik il-ġemgħa)* terġa' lura, agħmluhom paċi bil-ħaqq, u kunu ġusti! Tassew li Alla jħobb lill-ġusti.
10. Dawk li jemmnu ma humiex ħlief aħwa. Mela agħmlu paċi liż-żewġ ħutkom *(li tlewmu)*, u ibżgħu minn Alla biex forsi tiksbu l-ħniena.
11. Intom li temmnu, *(kunu afu li)* irġiel ma għandhomx jiddieħku b'irġiel *(oħra)*; għandu mnejn *(dawn ta' l-aħħar)* ikunu aħjar minnhom. Lanqas nisa *(ma għandhom jiddieħku)* b'nisa *(oħra)*; għandu mnejn *(dawn ta' l-aħħar)* ikunu aħjar minnhom. La żżebilħux lil xulxin, u lanqas tinku lil xulxin bil-laqmijiet. Huwa ta' għajb l-isem ħażin *(li jkollu bniedem)* wara *(li jkun ġieh)* it-twemmin. U min *(fostkom)* ma jindimx, dawk huma l-ħżiena.

يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ ٱجْتَنِبُواْ كَثِيرًا مِّنَ ٱلظَّنِّ إِنَّ بَعْضَ ٱلظَّنِّ إِثْمٌ ۖ
وَلَا تَجَسَّسُواْ وَلَا يَغْتَب بَّعْضُكُم بَعْضًا ۚ أَيُحِبُّ أَحَدُكُمْ أَن
يَأْكُلَ لَحْمَ أَخِيهِ مَيْتًا فَكَرِهْتُمُوهُ ۚ وَٱتَّقُواْ ٱللَّهَ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ تَوَّابٌ
رَّحِيمٌ ﴿12﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّاسُ إِنَّا خَلَقْنَٰكُم مِّن ذَكَرٍ وَأُنثَىٰ وَجَعَلْنَٰكُمْ
شُعُوبًا وَقَبَآئِلَ لِتَعَارَفُوٓاْ ۚ إِنَّ أَكْرَمَكُمْ عِندَ ٱللَّهِ أَتْقَىٰكُمْ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ
عَلِيمٌ خَبِيرٌ ﴿13﴾ ۞ قَالَتِ ٱلْأَعْرَابُ ءَامَنَّا ۖ قُل لَّمْ تُؤْمِنُواْ وَلَٰكِن
قُولُوٓاْ أَسْلَمْنَا وَلَمَّا يَدْخُلِ ٱلْإِيمَٰنُ فِى قُلُوبِكُمْ ۖ وَإِن تُطِيعُواْ ٱللَّهَ
وَرَسُولَهُۥ لَا يَلِتْكُم مِّنْ أَعْمَٰلِكُمْ شَيْـًٔا ۚ إِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿14﴾
إِنَّمَا ٱلْمُؤْمِنُونَ ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ بِٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦ ثُمَّ لَمْ يَرْتَابُواْ
وَجَٰهَدُواْ بِأَمْوَٰلِهِمْ وَأَنفُسِهِمْ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ ۚ أُوْلَٰٓئِكَ هُمُ
ٱلصَّٰدِقُونَ ﴿15﴾ قُلْ أَتُعَلِّمُونَ ٱللَّهَ بِدِينِكُمْ وَٱللَّهُ
يَعْلَمُ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِى ٱلْأَرْضِ ۚ وَٱللَّهُ بِكُلِّ شَىْءٍ عَلِيمٌ
﴿16﴾ يَمُنُّونَ عَلَيْكَ أَنْ أَسْلَمُواْ ۖ قُل لَّا تَمُنُّواْ عَلَىَّ إِسْلَٰمَكُم ۖ بَلِ ٱللَّهُ
يَمُنُّ عَلَيْكُمْ أَنْ هَدَىٰكُمْ لِلْإِيمَٰنِ إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ ﴿17﴾ إِنَّ ٱللَّهَ
يَعْلَمُ غَيْبَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۚ وَٱللَّهُ بَصِيرٌۢ بِمَا تَعْمَلُونَ ﴿18﴾

نصف الحزب 52

12. Intom li temmnu, warrbu minn ħafna mill-ħsibijiet *(għaliex)* tabilħaqq li xi ħsibijiet huma dnub. La titkixxfux fuq xulxin, u la titkellmux ħażin fuq xulxin minn wara daharkom. Jaqaw hemm xi ħadd minnkom li jħobb jiekol laħam ħuh il-mejjet? Din *(il-ħaġa)* tistkerrhuha. Ibżgħu minn Alla! Alla tabilħaqq idur Kollu Maħfra, Ħanin.

13. Ja nies, Aħna tabilħaqq ħlaqniekom minn raġel u mara, u għamilniekom ġnus u tribujiet biex issiru tafu lil xulxin. Tabilħaqq li l-aktar wieħed imweġġaħ minnkom quddiem Alla huwa l-aktar wieħed ġust minnkom, u jibża' minn Alla. Alla jaf kollox *(dwar dawn il-ħwejjeġ)* u jaf sewwa *(bihom)*.

14. Il-Bedwini qalu: "Emminna!" Għid*(ilhom Muħammad)*: "M'emmintux *(tassew)*, iżda għidu: 'Ċedejna!' għaliex it-twemmin għadu ma daħalx fi qlubkom. U jekk toqogħdu għal Alla u għall-Mibgħut tiegħu, Huwa ma jnaqqsilkom xejn mill-għemejjel tagħkom. Alla tabilħaqq Kollu Maħfra, Ħanin."

15. Dawk li jemmnu *(tassew)* ma humiex ħlief dawk li jemmnu f'Alla u fil-Mibgħut tiegħu *(Muħammad)*. Imbagħad ma jiddubitawx u jitqabdu b'ġidhom u bihom infushom għal Alla. Dawk huma li jgħidu u jagħmlu s-sewwa.

16. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Jaqaw intom tgħallmu lil Alla dwar it-twemmin tagħkom? Alla jaf b'dak li hemm fis-smewwiet u b'dak li hemm fl-art!" Alla jaf b'kollox!

17. Huma jqisu li għamlulek *(Muħammad)* xi pjaċir għaliex saru Misilmin. Għid*(ilhom)*: "M'intomx tagħmluli xi pjaċir għaliex sirtu Misilmin, iżda huwa Alla li għamlilkom pjaċir, li mexxiekom lejn it-twemmin, jekk qegħdin tgħidu u tagħmlu s-sewwa."

18. Alla tabilħaqq jaf il-ħwejjeġ mistura tas-smewwiet u l-art, u Alla jara sew dak li tagħmlu.

سُورَةُ قٓ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

قٓ ۚ وَالْقُرْآنِ الْمَجِيدِ ﴿1﴾ بَلْ عَجِبُوا أَنْ جَاءَهُمْ مُنْذِرٌ مِنْهُمْ
فَقَالَ الْكَافِرُونَ هَٰذَا شَيْءٌ عَجِيبٌ ﴿2﴾ أَإِذَا مِتْنَا وَكُنَّا تُرَابًا ۖ ذَٰلِكَ
رَجْعٌ بَعِيدٌ ﴿3﴾ قَدْ عَلِمْنَا مَا تَنْقُصُ الْأَرْضُ مِنْهُمْ ۖ وَعِنْدَنَا كِتَابٌ
حَفِيظٌ ﴿4﴾ بَلْ كَذَّبُوا بِالْحَقِّ لَمَّا جَاءَهُمْ فَهُمْ فِي أَمْرٍ مَرِيجٍ
﴿5﴾ أَفَلَمْ يَنْظُرُوا إِلَى السَّمَاءِ فَوْقَهُمْ كَيْفَ بَنَيْنَاهَا وَزَيَّنَّاهَا
وَمَا لَهَا مِنْ فُرُوجٍ ﴿6﴾ وَالْأَرْضَ مَدَدْنَاهَا وَأَلْقَيْنَا فِيهَا رَوَاسِيَ
وَأَنْبَتْنَا فِيهَا مِنْ كُلِّ زَوْجٍ بَهِيجٍ ﴿7﴾ تَبْصِرَةً وَذِكْرَىٰ لِكُلِّ عَبْدٍ
مُنِيبٍ ﴿8﴾ وَنَزَّلْنَا مِنَ السَّمَاءِ مَاءً مُبَارَكًا فَأَنْبَتْنَا بِهِ جَنَّاتٍ
وَحَبَّ الْحَصِيدِ ﴿9﴾ وَالنَّخْلَ بَاسِقَاتٍ لَهَا طَلْعٌ نَضِيدٌ ﴿10﴾
رِزْقًا لِلْعِبَادِ ۖ وَأَحْيَيْنَا بِهِ بَلْدَةً مَيْتًا ۚ كَذَٰلِكَ الْخُرُوجُ ﴿11﴾ كَذَّبَتْ
قَبْلَهُمْ قَوْمُ نُوحٍ وَأَصْحَابُ الرَّسِّ وَثَمُودُ ﴿12﴾ وَعَادٌ وَفِرْعَوْنُ وَإِخْوَانُ
لُوطٍ ﴿13﴾ وَأَصْحَابُ الْأَيْكَةِ وَقَوْمُ تُبَّعٍ ۚ كُلٌّ كَذَّبَ الرُّسُلَ فَحَقَّ وَعِيدِ
﴿14﴾ أَفَعَيِينَا بِالْخَلْقِ الْأَوَّلِ ۚ بَلْ هُمْ فِي لَبْسٍ مِنْ خَلْقٍ جَدِيدٍ ﴿15﴾

50. *Sūratu Qāf*

(Suret l-Ittra *Qāf* – Niżlet f'Mekka b'45 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Qāf. (Aħna nahilfu)* fuq il-Qoran il-glorjuż *(li Muħammad huwa l-Mibgħut tagħna).*
2. Le, *(ma laqgħuhx il-pagani)*! Huma jistagħġbu li ġiehom wieħed minnhom biex iwissihom, u dawk li ma jemmnux jgħidu: "Din ħaġa ta' l-għaġeb!
3. Jaqaw meta mmutu u nsiru trab *(se nerġgħu nitqajmu)*? Dik wasla lura mbiegħda *(wisq mill-għarfien tagħna)*!"
4. Nafu tassew dak li l-art tnaqqas *(u tiekol)* minnhom *(meta jkunu midfunin fiha)*, u għandna ktieb li jżomm kollox *(u ebda tagħrif ma jintilef dwar il-bnedmin).*
5. Le, *(mhux biss stagħġbu bil-Mibgħut, imma)* giddbu s-sewwa meta ġiehom, u huma f'qagħda mħawda.
6. Mela ma jħarsux lejn is-sema, fuqhom, kif bnejnieh *(u jżomm mingħajr kolonni)*, żejjinnieh *(bil-kwiekeb)*, u ma għandux xquq?
7. U l-art middejnieha, qegħedna fiha l-iġbla, u nibbitna fiha minn kull għamla sabiħa;
8. turija *(tal-kobor ta' Alla)* u tifkira għal kull qaddej niedem.
9. Aħna nniżżlu mis-sema ilma mbierek, u nnibbtu bih ġonna u qmuħ għall-ħsad,
10. u *(innibbtu wkoll)* is-siġar għoli tal-palm b'għenieqed imgeddsin qrib xulxin;
11. ġid għall-qaddejja *(tagħna)*, u *(l-ilma tax-xita)* tajna bih il-ħajja lil art mejta. Hekk ukoll il-ħruġ *(tagħkom minn taħt l-art, f'Jum il-Qawmien).*
12. Qabilhom, *(bħalhom)* giddbu *(lill-Mibgħutin ta' Alla)* ġens Noè u nies *(il-bir imsejjaħ)* ar-Rass, u Ṯamūd,
13. u *(hekk ukoll kienu għamlu nies)* Għād, il-Fargħun, u ħut Lot,
14. u nies il-masġar *(nies Xugħajb)*, u ġens it-Tubbagħ – *(dawk)* kollha giddbu lill-Mibgħutin, u għalhekk seħħet il-wegħda tiegħi *(dwar il-kastig kontrihom).*
15. Jaqaw għejejna bl-ewwel ħolqien *(hekk li ma nistgħux nagħmlu t-tieni wieħed, li huwa l-qawmien mill-mewt tal-bnedmin għal ħajja ġdida)*? Le, *(ma għejejniex)*! Huma l-imħawdin dwar ħolqien ġdid.

وَلَقَدْ خَلَقْنَا ٱلْإِنسَٰنَ وَنَعْلَمُ مَا تُوَسْوِسُ بِهِۦ نَفْسُهُۥ ۖ وَنَحْنُ أَقْرَبُ إِلَيْهِ
مِنْ حَبْلِ ٱلْوَرِيدِ ﴿16﴾ إِذْ يَتَلَقَّى ٱلْمُتَلَقِّيَانِ عَنِ ٱلْيَمِينِ وَعَنِ ٱلشِّمَالِ قَعِيدٌ
﴿17﴾ مَّا يَلْفِظُ مِن قَوْلٍ إِلَّا لَدَيْهِ رَقِيبٌ عَتِيدٌ ﴿18﴾ وَجَآءَتْ سَكْرَةُ
ٱلْمَوْتِ بِٱلْحَقِّ ۖ ذَٰلِكَ مَا كُنتَ مِنْهُ تَحِيدُ ﴿19﴾ وَنُفِخَ فِى ٱلصُّورِ ۚ ذَٰلِكَ
يَوْمُ ٱلْوَعِيدِ ﴿20﴾ وَجَآءَتْ كُلُّ نَفْسٍ مَّعَهَا سَآئِقٌ وَشَهِيدٌ ﴿21﴾ لَّقَدْ
كُنتَ فِى غَفْلَةٍ مِّنْ هَٰذَا فَكَشَفْنَا عَنكَ غِطَآءَكَ فَبَصَرُكَ ٱلْيَوْمَ حَدِيدٌ
﴿22﴾ وَقَالَ قَرِينُهُۥ هَٰذَا مَا لَدَىَّ عَتِيدٌ ﴿23﴾ أَلْقِيَا فِى جَهَنَّمَ كُلَّ كَفَّارٍ
عَنِيدٍ ﴿24﴾ مَّنَّاعٍ لِّلْخَيْرِ مُعْتَدٍ مُّرِيبٍ ﴿25﴾ ٱلَّذِى جَعَلَ مَعَ ٱللَّهِ إِلَٰهًا
ءَاخَرَ فَأَلْقِيَاهُ فِى ٱلْعَذَابِ ٱلشَّدِيدِ ﴿26﴾ قَالَ قَرِينُهُۥ رَبَّنَا مَآ أَطْغَيْتُهُۥ
وَلَٰكِن كَانَ فِى ضَلَٰلٍۭ بَعِيدٍ ﴿27﴾ قَالَ لَا تَخْتَصِمُوا۟ لَدَىَّ وَقَدْ قَدَّمْتُ
إِلَيْكُم بِٱلْوَعِيدِ ﴿28﴾ مَا يُبَدَّلُ ٱلْقَوْلُ لَدَىَّ وَمَآ أَنَا۠ بِظَلَّٰمٍ لِّلْعَبِيدِ ﴿29﴾
يَوْمَ نَقُولُ لِجَهَنَّمَ هَلِ ٱمْتَلَأْتِ وَتَقُولُ هَلْ مِن مَّزِيدٍ ﴿30﴾ وَأُزْلِفَتِ
ٱلْجَنَّةُ لِلْمُتَّقِينَ غَيْرَ بَعِيدٍ ﴿31﴾ هَٰذَا مَا تُوعَدُونَ لِكُلِّ أَوَّابٍ حَفِيظٍ
﴿32﴾ مَّنْ خَشِىَ ٱلرَّحْمَٰنَ بِٱلْغَيْبِ وَجَآءَ بِقَلْبٍ مُّنِيبٍ ﴿33﴾ ٱدْخُلُوهَا
بِسَلَٰمٍ ۖ ذَٰلِكَ يَوْمُ ٱلْخُلُودِ ﴿34﴾ لَهُم مَّا يَشَآءُونَ فِيهَا وَلَدَيْنَا مَزِيدٌ ﴿35﴾

ثلاثة أرباع الحزب 52

16. Aħna ħlaqna tassew lill-bniedem, u nafu dak li tfesfislu qalbu. Aħna eqreb lejh mill-vina ġugulari *(li tgħaqqad il-qalb mar-ras)*,
17. meta ż-żewġ *(anġli kustodji)* jilqgħu *(u jiktbu l-għemejjel tal-bnedmin, wieħed)* bil-qiegħda fuq il-lemin *(li jiżżel l-għemejjel tajba)* u l-ieħor fuq ix-xellug *(li jiżżel l-għemejjel ħżiena)*;
18. *(il-bniedem)* ma jlissinx kelma li ma għandux għassies miegħu *(u lest jikteb kollox)*.
19. U tiġi s-sakra tal-mewt, bis-sewwa *(u l-bniedem jintilef minn sensih, u jintqal lilu:)* "Dak huwa li kont taħrab minnu!"
20. U *(imbagħad)* tindaqq it-trumbetta. Dak ikun Jum il-wegħda tal-kastig *(li wissew dwarha l-Mibgħutin ta' Alla)*.
21. U tiġi kull ruħ, u magħha *(jkollha anġlu)* sewwieq *(li jsuqha lejn il-Ġenna jew l-Infern)*, u *(anġlu ieħor)* xhud *(li jixhed għall-għemejjel tal-bniedem)*.
22. Inti tassew kellek moħħok imtajjar *(u ma tajtx kas)* ta' dan *(il-Jum tal-biża')*, iżda Aħna nikxfu minn fuqek l-għata tiegħek *(li kellek fuq qalbek u moħħok)*, u dawl għajnejk, illum, huwa tal-ħadid *(u qiegħed tara dak li qatt ma rajt qabel)*.
23. Sieħbu *(l-anġlu kustodju)* jgħid: "Dan huwa li għandi lest *(il-ktieb bl-għemejjel tal-bniedem)*."
24. Intom it-tnejn *(l-anġlu s-sewwieq u l-anġlu x-xhud)* ixħtu fl-Infern kull ingrat ta' rasu iebsa,
25. dak li ma jħallix il-ġid *(anzi jfixklu)*, jikser il-liġi, u kollu dubji,
26. li għamel alla ieħor ma' Alla! Mela ixħtuh fil-kastig il-qalil!
27. Sieħbu *(ix-xitan li kellu miegħu)* jgħid: "Sidna, jiena ma ġegħeltux jirvilla, iżda huwa kien f'telfien *(kbir)* u mbiegħed *(mit-triq it-tajba)*."
28. Jgħid *(Alla lill-ħżiena)*: "La titlewmux quddiemi *(u issa kollu għalxejn)*! Jiena tassew kont wissejtkom qabel!
29. Il-kelma tiegħi ma tinbidilx, u Jiena m'iniex inġust mal-qaddejja *(tiegħi l-bnedmin)*."
30. Fil-Jum meta ngħidu lill-Infern: "Imtlejt?" huwa jgħid: "Jaqaw hemm iżjed *(midinbin)*?"
31. Il-Ġenna titressaq lejn il-ġusti; ma tkunx imbiegħda.
32. *(Lill-ġusti jingħad hekk)*: "Dan *(li qegħdin taraw)* huwa dak li kontu mwegħdin. *(Huwa mħejji)* għal kulmin dejjem idur lejn Alla, u li jżomm il-patt miegħu;
33. min jibża' minn Dak Kollu Ħniena *(minkejja li Huwa jinsab)* fil-mistur, u jiġi b'qalb niedma.
34. Idħlu fiha *(il-Ġenna)* bis-sliem; dak huwa l-Jum tal-ħajja ta' dejjem."
35. Ikollhom dak li jridu fiha, u għandha aktar *(merfugħ għalihom)*.

وَكَمْ أَهْلَكْنَا قَبْلَهُم مِّن قَرْنٍ هُمْ أَشَدُّ مِنْهُم بَطْشًا فَنَقَّبُوا۟ فِى
ٱلْبِلَٰدِ هَلْ مِن مَّحِيصٍ ﴿36﴾ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَذِكْرَىٰ لِمَن كَانَ
لَهُۥ قَلْبٌ أَوْ أَلْقَى ٱلسَّمْعَ وَهُوَ شَهِيدٌ ﴿37﴾ وَلَقَدْ خَلَقْنَا
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ وَمَا بَيْنَهُمَا فِى سِتَّةِ أَيَّامٍ وَمَا مَسَّنَا
مِن لُّغُوبٍ ﴿38﴾ فَٱصْبِرْ عَلَىٰ مَا يَقُولُونَ وَسَبِّحْ بِحَمْدِ رَبِّكَ
قَبْلَ طُلُوعِ ٱلشَّمْسِ وَقَبْلَ ٱلْغُرُوبِ ﴿39﴾ وَمِنَ ٱلَّيْلِ فَسَبِّحْهُ
وَأَدْبَٰرَ ٱلسُّجُودِ ﴿40﴾ وَٱسْتَمِعْ يَوْمَ يُنَادِ ٱلْمُنَادِ مِن مَّكَانٍ قَرِيبٍ
﴿41﴾ يَوْمَ يَسْمَعُونَ ٱلصَّيْحَةَ بِٱلْحَقِّ ۚ ذَٰلِكَ يَوْمُ ٱلْخُرُوجِ ﴿42﴾ إِنَّا
نَحْنُ نُحْىِۦ وَنُمِيتُ وَإِلَيْنَا ٱلْمَصِيرُ ﴿43﴾ يَوْمَ تَشَقَّقُ ٱلْأَرْضُ
عَنْهُمْ سِرَاعًا ۚ ذَٰلِكَ حَشْرٌ عَلَيْنَا يَسِيرٌ ﴿44﴾ نَّحْنُ أَعْلَمُ بِمَا يَقُولُونَ
وَمَآ أَنتَ عَلَيْهِم بِجَبَّارٍ ۖ فَذَكِّرْ بِٱلْقُرْءَانِ مَن يَخَافُ وَعِيدِ ﴿45﴾

سُورَةُ الذَّارِيَاتِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

وَٱلذَّٰرِيَٰتِ ذَرْوًا ﴿1﴾ فَٱلْحَٰمِلَٰتِ وِقْرًا ﴿2﴾ فَٱلْجَٰرِيَٰتِ يُسْرًا ﴿3﴾
فَٱلْمُقَسِّمَٰتِ أَمْرًا ﴿4﴾ إِنَّمَا تُوعَدُونَ لَصَادِقٌ ﴿5﴾ وَإِنَّ ٱلدِّينَ لَوَٰقِعٌ ﴿6﴾

36. U kemm-il ġens *(imkabbar bħalhom)* qridna qabilhom, li kienu akbar minnhom *(mill-Mekkin)* fil-qawwa, u li terrqu fl-artijiet *(li ħakmu)*. Jaqaw kien hemm xi kenn *(għalihom fejn setgħu jaħarbu l-mewt u l-kastig)*?
37. Tabilħaqq li f'dak *(li ġara lill-ġnus ta' qabel u l-qerda tagħhom)* hemm tifkira għal min għandu qalb *(jiġifieri moħħ biex jifhem)*, jew jagħti widen, u huwa xhud *(għas-sewwa)*.
38. Aħna tassew ħlaqna s-smewwiet u l-art, u dak li hemm bejniethom, f'sitt ijiem, u ma messitna ebda għeja.
39. Mela żomm b'sabrek *(Muħammad)* dwar dak li jgħidu *(il-Lhud u l-Qurajxin dwar il-ħolqien, u ħallihom iħawdu)*, u faħħar is-sebħ ta' Sidek qabel tlugħ ix-xemx, u qabel inżulha.
40. U sebbħu *(Muħammad, lil Alla)* billejl, u wara li tinxteħet fl-art għat-talb,
41. u isma' lil dak *(l-anġlu Isrāfil)* li jsejjaħ *(l-erwieħ)*, fil-Jum li jsejjaħ minn post fil-qrib;
42. fil-Jum li jisimgħu s-sejħa bil-ħaqq. Dak ikun Jum il-Ħruġ.
43. Aħna tabilħaqq nagħtu l-ħajja u l-mewt, u lejna t-tmiem *(ta' kollox u ta' kulħadd)*.
44. Fil-Jum li l-art tixxaqqaq madwarhom *(l-erwieħ joħorġu)* mgħaġġlin *(mill-oqbra biex jinġabru għall-Ġudizzju)*. Dik ġabra *(ta' l-erwieħ mill-imwiet u hija)* ħafifa għalina.
45. Aħna nafu aktar *(minn ħaddieħor)* b'dak li qalu *(il-Qurajxin dwar il-qawmien mill-mewt)*, u inti *(Muħammad)* m'intix wieħed li ġġegħelhom *(jidħlu fl-Islam)*. Mela fakkar *(u wissi)* bil-Qoran lil min jibża' mit-theddid tiegħi.

51. *Sūratu ḏ-Ḏārijāt*

(Suret l-Irjieħ Derrejja - Niżlet f'Mekka b'60 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *(Aħna naħilfu)* fuq l-irjieħ derrejja, li jderru *(u jħarrku s-sħab, it-trab, ir-ramel, u d-dakra tas-siġar u l-ftuti)*,
2. u fuq *(is-sħab)* l-imgħobbi bit-tagħbija *(tax-xita)*,
3. u fuq *(l-imriekeb)* il-ġerrejja b'ħeffa *(fil-baħar)*,
4. u fuq dawk *(l-anġli)* li jqassmu l-ordnijiet *(ta' Alla)*,
5. li dak li intom imwegħdin huwa minnu,
6. u tabilħaqq li l-Ġudizzju se jseħħ *(f'Jum il-Qawmien)*!

وَالسَّمَآءِ ذَاتِ الْحُبُكِ ﴿7﴾ إِنَّكُمْ لَفِي قَوْلٍ مُّخْتَلِفٍ ﴿8﴾ يُؤْفَكُ عَنْهُ مَنْ
أُفِكَ ﴿9﴾ قُتِلَ الْخَرَّاصُونَ ﴿10﴾ الَّذِينَ هُمْ فِي غَمْرَةٍ سَاهُونَ ﴿11﴾
يَسْـَٔلُونَ أَيَّانَ يَوْمُ الدِّينِ ﴿12﴾ يَوْمَ هُمْ عَلَى النَّارِ يُفْتَنُونَ ﴿13﴾ ذُوقُوا
فِتْنَتَكُمْ هَٰذَا الَّذِي كُنتُم بِهِۦ تَسْتَعْجِلُونَ ﴿14﴾ إِنَّ الْمُتَّقِينَ فِي جَنَّٰتٍ
وَعُيُونٍ ﴿15﴾ ءَاخِذِينَ مَآ ءَاتَىٰهُمْ رَبُّهُمْ ۚ إِنَّهُمْ كَانُوا قَبْلَ ذَٰلِكَ مُحْسِنِينَ
﴿16﴾ كَانُوا قَلِيلًا مِّنَ الَّيْلِ مَا يَهْجَعُونَ ﴿17﴾ وَبِالْأَسْحَارِ هُمْ يَسْتَغْفِرُونَ
﴿18﴾ وَفِي أَمْوَٰلِهِمْ حَقٌّ لِّلسَّآئِلِ وَالْمَحْرُومِ ﴿19﴾ وَفِي الْأَرْضِ ءَايَٰتٌ
لِّلْمُوقِنِينَ ﴿20﴾ وَفِي أَنفُسِكُمْ ۚ أَفَلَا تُبْصِرُونَ ﴿21﴾ وَفِي السَّمَآءِ رِزْقُكُمْ
وَمَا تُوعَدُونَ ﴿22﴾ فَوَرَبِّ السَّمَآءِ وَالْأَرْضِ إِنَّهُۥ لَحَقٌّ مِّثْلَ مَآ أَنَّكُمْ
تَنطِقُونَ ﴿23﴾ هَلْ أَتَىٰكَ حَدِيثُ ضَيْفِ إِبْرَٰهِيمَ الْمُكْرَمِينَ ﴿24﴾
إِذْ دَخَلُوا عَلَيْهِ فَقَالُوا سَلَٰمًا ۖ قَالَ سَلَٰمٌ قَوْمٌ مُّنكَرُونَ ﴿25﴾ فَرَاغَ إِلَىٰٓ
أَهْلِهِۦ فَجَآءَ بِعِجْلٍ سَمِينٍ ﴿26﴾ فَقَرَّبَهُۥٓ إِلَيْهِمْ قَالَ أَلَا تَأْكُلُونَ
﴿27﴾ فَأَوْجَسَ مِنْهُمْ خِيفَةً ۖ قَالُوا لَا تَخَفْ ۖ وَبَشَّرُوهُ بِغُلَٰمٍ عَلِيمٍ
﴿28﴾ فَأَقْبَلَتِ امْرَأَتُهُۥ فِي صَرَّةٍ فَصَكَّتْ وَجْهَهَا وَقَالَتْ عَجُوزٌ عَقِيمٌ
﴿29﴾ قَالُوا كَذَٰلِكِ قَالَ رَبُّكِ ۖ إِنَّهُۥ هُوَ الْحَكِيمُ الْعَلِيمُ ﴿30﴾

7. *(Naħilfu wkoll)* fuq is-sema bit-toroq sbieħ *(tiegħu)*,
8. li intom tabilħaqq ma taqblux fi kliemkom *(dwar is-sewwa ta' Alla)*.
9. Jitqarraq dwaru min hu mqarraq *(għaliex irid)*.
10. Misħutin il-giddibin,
11. li huma f'taħwid kbir, b'moħħ imtajjar!
12. Huma jistaqsu: "Meta Jum il-Ħaqq?"
13. *(Ikun)* fil-Jum li jiġġarrbu fuq in-Nar.
14. Duqu t-tiġrib tagħkom! Dan huwa dak *(il-kastig)* li kontu qegħdin tgħaġġluh *(meta għedtu: "Ma hemmx li jasal fuqna!")*.
15. Tabilħaqq li l-ġusti li jibżgħu minn Alla jinsabu f'Ġonna *(ta' l-Għeden)* u *(qrib)* għejun ta' l-ilma;
16. qegħdin jieħdu dak li tahom Sidhom, *(għaliex)* qabel dan *(il-ħlas xieraq)* huma tabilħaqq kienu jagħmlu t-tajjeb.
17. Ma kinux ħlief jorqdu ftit mil-lejl *(u l-bqija jqattgħuh fit-talb)*,
18. u qabel is-sebħ jitolbu maħfra *(minn Sidhom)*,
19. u f'ġidhom kien hemm sehem għat-tallab u għall-imċaħħad.
20. Fl-art hemm sinjali għal dawk li jemmnu sħiħ,
21. u fikom infuskom *(ukoll issibuhom)*. Mela ma tarawx?
22. Fis-sema l-għajxien tagħkom, u dak li kien imwiegħed lilkom.
23. U *(naħilfu)* fuq Sid is-sema u l-art: Dan *(li intom imwegħdin)* hu tabilħaqq is-sewwa, bħalma *(huwa minnu li)* intom titkellmu *(u ma hemm ebda dubju dwar dan)*.
24. Waslitlek *(Muħammad)* l-aħbar dwar il-mistednin imweġġħin ta' Abraham *(li kienu anġli ta' Alla)*?
25. Meta dahlu għandu qalu: "Sliem!" Qal*(ilhom Abraham)*: "Sliem," *(u qal f'qalbu: Dawn)* nies mhux magħrufa.
26. U għaġġel għal għand niesu, u ġab għoġol smin,
27. u newwilhulhom. *(Meta ma kilux)* qal: "Mela ma tiklux?"
28. Imbagħad beża' minnhom. Qalu*(lu)*: "La tibżax!" u tawh il-bxara dwar *(it-twelid ta')* tifel għaref *(ibnu Iżakk, minn martu Sara)*.
29. Martu *(Sara)* resqet tgħajjat, tat fuq wiċċha bil-ħarta, u qalet: "Xwejħa li ma jistax ikollha tfal *(se tiled)*?"
30. Qalu*(lha l-mistednin)*: "Hekk qal Sidek *(li se jiġri)*! Huwa l-Għaref, li jaf kollox."

۞ قَالَ فَمَا خَطْبُكُمْ أَيُّهَا الْمُرْسَلُونَ (31) قَالُوا إِنَّا أُرْسِلْنَا إِلَىٰ قَوْمٍ
مُجْرِمِينَ (32) لِنُرْسِلَ عَلَيْهِمْ حِجَارَةً مِنْ طِينٍ (33) مُسَوَّمَةً عِنْدَ رَبِّكَ
لِلْمُسْرِفِينَ (34) فَأَخْرَجْنَا مَنْ كَانَ فِيهَا مِنَ الْمُؤْمِنِينَ (35) فَمَا وَجَدْنَا
فِيهَا غَيْرَ بَيْتٍ مِنَ الْمُسْلِمِينَ (36) وَتَرَكْنَا فِيهَا آيَةً لِلَّذِينَ يَخَافُونَ
الْعَذَابَ الْأَلِيمَ (37) وَفِي مُوسَىٰ إِذْ أَرْسَلْنَاهُ إِلَىٰ فِرْعَوْنَ بِسُلْطَانٍ
مُبِينٍ (38) فَتَوَلَّىٰ بِرُكْنِهِ وَقَالَ سَاحِرٌ أَوْ مَجْنُونٌ (39) فَأَخَذْنَاهُ وَجُنُودَهُ
فَنَبَذْنَاهُمْ فِي الْيَمِّ وَهُوَ مُلِيمٌ (40) وَفِي عَادٍ إِذْ أَرْسَلْنَا عَلَيْهِمُ الرِّيحَ
الْعَقِيمَ (41) مَا تَذَرُ مِنْ شَيْءٍ أَتَتْ عَلَيْهِ إِلَّا جَعَلَتْهُ كَالرَّمِيمِ (42)
وَفِي ثَمُودَ إِذْ قِيلَ لَهُمْ تَمَتَّعُوا حَتَّىٰ حِينٍ (43) فَعَتَوْا عَنْ أَمْرِ رَبِّهِمْ
فَأَخَذَتْهُمُ الصَّاعِقَةُ وَهُمْ يَنْظُرُونَ (44) فَمَا اسْتَطَاعُوا مِنْ قِيَامٍ
وَمَا كَانُوا مُنْتَصِرِينَ (45) وَقَوْمَ نُوحٍ مِنْ قَبْلُ إِنَّهُمْ كَانُوا قَوْمًا
فَاسِقِينَ (46) وَالسَّمَاءَ بَنَيْنَاهَا بِأَيْدٍ وَإِنَّا لَمُوسِعُونَ (47) وَالْأَرْضَ
فَرَشْنَاهَا فَنِعْمَ الْمَاهِدُونَ (48) وَمِنْ كُلِّ شَيْءٍ خَلَقْنَا زَوْجَيْنِ
لَعَلَّكُمْ تَذَكَّرُونَ (49) فَفِرُّوا إِلَى اللَّهِ إِنِّي لَكُمْ مِنْهُ نَذِيرٌ مُبِينٌ (50)
وَلَا تَجْعَلُوا مَعَ اللَّهِ إِلَٰهًا آخَرَ إِنِّي لَكُمْ مِنْهُ نَذِيرٌ مُبِينٌ (51)

31. Qal *(Abraham)*: "X'inhi l-qadja tagħkom, ja Mibgħutin?"
32. Qalu: "Aħna tabilħaqq intbagħatna għand nies ħatjin
33. biex nibagħtu fuqhom ġebel ta' tafal *(moħmi)*;
34. *(kull ġebla)* immarkata mingħand Sidek, għal dawk li għamlu wisq ħażen."
35. U ħriġna 'l barra *(mill-belt ta' Lot)* lil dawk, fiha, li kienu jemmnu,
36. u ma sibniex fiha għajr dar *(waħda biss)* ta' Misilmin.
37. U ħallejna fiha *(f'dik il-belt meqruda)* sinjal lil dawk li jibżgħu mill-kastig ta' wġigħ.
38. U f'Mosè wkoll *(hemm sinjal)*, meta bgħatnieh għand il-Fargħun bi prova ċara.
39. Iżda hu *(il-Fargħun)*, bil-qawwiet tiegħu, ma tax kas, u qal: "*(Dan Mosè)* saħħar jew miġnun!"
40. Għalhekk ħadna lilu u lis-suldati tiegħu u xħetniehom fil-baħar, u kien ta' min ilumu.
41. U f'Għād *(tribù fil-peniżola Għarbija, seħħ sinjal ieħor)*, meta bgħatna fuqhom ir-riħ qerried.
42. Ma ħalla xejn minn dak li nefaħ fuqu li ma għamlux trab.
43. U *(seħħ sinjal ieħor)* f'Tamūd, meta ntqalilhom: "Gawdu għal xi żmien!"
44. Iżda huma ħaduha kontra l-amar ta' Sidhom, u ħadithom is-sajjetta *(għal għarrieda)*, huma u jħarsu.
45. Għalhekk ma setgħux iqumu *(mill-qawwa tat-tifqigħa tas-sajjetta)* u ma kinux rebbiħin.
46. U *(qridna wkoll)* lil nies Noè, qabel. Huma tabilħaqq kienu nies ħżiena.
47. Is-sema bnejnieh bil-qawwa, u Aħna tabilħaqq inwessgħu *(il-ħolqien kif irridu)*.
48. U l-art frixnieha *(b'kull ġid)*. Kemm meddejnieha tajjeb!
49. U minn kollox ħlaqna f'żewġ *(għamliet: raġel u mara)*, biex forsi tiftakru.
50. Mela aħarbu lejn Alla! Jiena tabilħaqq *(ġej)* minnu biex inwissikom biċ-ċar.
51. U la tagħmlux ma' Alla alla ieħor. Jiena tabilħaqq *(ġej)* minnu biex inwissikom biċ-ċar.

كَذَٰلِكَ مَآ أَتَى ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِم مِّن رَّسُولٍ إِلَّا قَالُوا۟ سَاحِرٌ أَوْ مَجْنُونٌ ﴿52﴾ أَتَوَاصَوْا۟ بِهِۦ ۚ بَلْ هُمْ قَوْمٌ طَاغُونَ ﴿53﴾ فَتَوَلَّ عَنْهُمْ فَمَآ أَنتَ بِمَلُومٍ ﴿54﴾ وَذَكِّرْ فَإِنَّ ٱلذِّكْرَىٰ تَنفَعُ ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿55﴾ وَمَا خَلَقْتُ ٱلْجِنَّ وَٱلْإِنسَ إِلَّا لِيَعْبُدُونِ ﴿56﴾ مَآ أُرِيدُ مِنْهُم مِّن رِّزْقٍ وَمَآ أُرِيدُ أَن يُطْعِمُونِ ﴿57﴾ إِنَّ ٱللَّهَ هُوَ ٱلرَّزَّاقُ ذُو ٱلْقُوَّةِ ٱلْمَتِينُ ﴿58﴾ فَإِنَّ لِلَّذِينَ ظَلَمُوا۟ ذَنُوبًا مِّثْلَ ذَنُوبِ أَصْحَٰبِهِمْ فَلَا يَسْتَعْجِلُونِ ﴿59﴾ فَوَيْلٌ لِّلَّذِينَ كَفَرُوا۟ مِن يَوْمِهِمُ ٱلَّذِى يُوعَدُونَ ﴿60﴾

سُورَةُ الطُّورِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

وَٱلطُّورِ ﴿1﴾ وَكِتَٰبٍ مَّسْطُورٍ ﴿2﴾ فِى رَقٍّ مَّنشُورٍ ﴿3﴾ وَٱلْبَيْتِ ٱلْمَعْمُورِ ﴿4﴾ وَٱلسَّقْفِ ٱلْمَرْفُوعِ ﴿5﴾ وَٱلْبَحْرِ ٱلْمَسْجُورِ ﴿6﴾ إِنَّ عَذَابَ رَبِّكَ لَوَٰقِعٌ ﴿7﴾ مَّا لَهُۥ مِن دَافِعٍ ﴿8﴾ يَوْمَ تَمُورُ ٱلسَّمَآءُ مَوْرًا ﴿9﴾ وَتَسِيرُ ٱلْجِبَالُ سَيْرًا ﴿10﴾ فَوَيْلٌ يَوْمَئِذٍ لِّلْمُكَذِّبِينَ ﴿11﴾ ٱلَّذِينَ هُمْ فِى خَوْضٍ يَلْعَبُونَ ﴿12﴾ يَوْمَ يُدَعُّونَ إِلَىٰ نَارِ جَهَنَّمَ دَعًّا ﴿13﴾ هَٰذِهِ ٱلنَّارُ ٱلَّتِى كُنتُم بِهَا تُكَذِّبُونَ ﴿14﴾

52. Hekk ukoll ma ġiex Mibgħut għand dawk *(il-ġnus)* qabilhom li ma qalux: "*(Dan)* saħħar jew miġnun!"
53. Jaqaw wissew lil xulxin *(li għandhom jgħidu)* dan *(il-kliem li jgiddeb lil kull Mibgħut li jiġi fosthom)*? Le. Huma nies ħżiena għall-aħħar.
54. Mela itlaqhom *(Muħammad)* u m'intix ta' min wieħed ilumek.
55. U fakkar, għaliex it-tifkira hija tabilħaqq ta' fejda għal dawk li jemmnu.
56. Jiena ma ħlaqtx il-*ġinn* u l-bnedmin jekk mhux biex jagħtuni qima.
57. Ma rrid minnhom ebda ġid *(materjali)* u ma rridx li jitimgħuni.
58. Alla huwa tabilħaqq Dak li jagħti l-għajxien *(lill-ħolqien kollu)*; Dak ta' qawwa, is-Sod.
59. Tabilħaqq li dawk li għamlu l-ħażen għandhom sehem *(mill-kastig)* bħas-sehem ta' shabhom *(li nqerdu qabilhom)*. Mela ħalli ma jgħaġġlux *(il-kastig, għaliex żgur ġej fuqhom)*!
60. Ħażin għal dawk li ma jemmnux, minħabba l-Jum tagħhom li twieġħed lilhom!

52. *Sūratu ṭ-Ṭūr*

(Suret il-Muntanja – Niżlet f'Mekka b'49 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *(Naħilfu)* fuq il-muntanja *(Sinaj, fejn Alla kellem lil Mosè)*,
2. u *(naħilfu)* fuq Ktieb miktub *(il-Qoran)*,
3. *(miktub)* fuq ġild irqiq mifrux,
4. u *(naħilfu)* fuq id-dar li jgħammru fiha *(l-anġli)*,
5. u fuq is-saqaf *(tas-sema)* merfugħ *(mingħajr kolonni)*,
6. u fuq il-baħar li jaqbad bin-nar *(f'Jum il-Qawmien)*;
7. *(naħilfu li)* tabilħaqq il-kastig ta' Sidek *(Muħammad)* se jseħħ;
8. xejn ma għandu xi jżommu *(milli jseħħ)*!
9. Fil-Jum meta s-sema jitrieġħed sewwa *(bil-biża' ta' dawk il-waqtiet tremendi)*,
10. u l-iġbla jgħaddu għal kollox *(qishom qatt ma kienu)*,
11. kastig qalil, dakinhar, għal dawk li jgiddbu *(lill-Profeti u lir-Rivelazzjoni)*;
12. dawk li jilagħbu bi kliem fieragħ u qarrieq.
13. Fil-Jum meta jkunu mbuttati lejn nar l-Infern bil-qawwa kollha,
14. *(se jingħad lilhom)*: "Dan hu n-Nar li kontu tgiddbu *(u tiċħdu)*!

أَفَسِحْرٌ هَٰذَآ أَمْ أَنتُمْ لَا تُبْصِرُونَ ﴿15﴾ اصْلَوْهَا فَاصْبِرُوٓا
أَوْ لَا تَصْبِرُوا سَوَآءٌ عَلَيْكُمْ ۖ إِنَّمَا تُجْزَوْنَ مَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿16﴾
إِنَّ الْمُتَّقِينَ فِى جَنَّٰتٍ وَنَعِيمٍ ﴿17﴾ فَٰكِهِينَ بِمَآ ءَاتَىٰهُمْ رَبُّهُمْ
وَوَقَىٰهُمْ رَبُّهُمْ عَذَابَ الْجَحِيمِ ﴿18﴾ كُلُوا وَاشْرَبُوا هَنِيٓـًٔۢا بِمَا
كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿19﴾ مُتَّكِـِٔينَ عَلَىٰ سُرُرٍ مَّصْفُوفَةٍ ۖ وَزَوَّجْنَٰهُم
بِحُورٍ عِينٍ ﴿20﴾ وَالَّذِينَ ءَامَنُوا وَاتَّبَعَتْهُمْ ذُرِّيَّتُهُم بِإِيمَٰنٍ أَلْحَقْنَا
بِهِمْ ذُرِّيَّتَهُمْ وَمَآ أَلَتْنَٰهُم مِّنْ عَمَلِهِم مِّن شَىْءٍ ۚ كُلُّ امْرِئٍۭ بِمَا كَسَبَ
رَهِينٌ ﴿21﴾ وَأَمْدَدْنَٰهُم بِفَٰكِهَةٍ وَلَحْمٍ مِّمَّا يَشْتَهُونَ ﴿22﴾ يَتَنَٰزَعُونَ
فِيهَا كَأْسًا لَّا لَغْوٌ فِيهَا وَلَا تَأْثِيمٌ ﴿23﴾ ۞ وَيَطُوفُ عَلَيْهِمْ غِلْمَانٌ
لَّهُمْ كَأَنَّهُمْ لُؤْلُؤٌ مَّكْنُونٌ ﴿24﴾ وَأَقْبَلَ بَعْضُهُمْ عَلَىٰ بَعْضٍ يَتَسَآءَلُونَ
﴿25﴾ قَالُوٓا إِنَّا كُنَّا قَبْلُ فِىٓ أَهْلِنَا مُشْفِقِينَ ﴿26﴾ فَمَنَّ اللَّهُ
عَلَيْنَا وَوَقَىٰنَا عَذَابَ السَّمُومِ ﴿27﴾ إِنَّا كُنَّا مِن قَبْلُ
نَدْعُوهُ ۖ إِنَّهُۥ هُوَ الْبَرُّ الرَّحِيمُ ﴿28﴾ فَذَكِّرْ فَمَآ أَنتَ بِنِعْمَتِ
رَبِّكَ بِكَاهِنٍ وَلَا مَجْنُونٍ ﴿29﴾ أَمْ يَقُولُونَ شَاعِرٌ نَّتَرَبَّصُ بِهِۦ رَيْبَ
الْمَنُونِ ﴿30﴾ قُلْ تَرَبَّصُوا فَإِنِّى مَعَكُم مِّنَ الْمُتَرَبِّصِينَ ﴿31﴾

ربع الحزب 53

15. Jaqaw dan *(il-kastig)* huwa seħer, jew intom ma tarawx?
16. Inxtwew fih! U sew jekk tistabru *(fih)*, u sew jekk ma tistabrux, l-istess ikun għalikom! Se titħallsu biss ta' dak li kontu tagħmlu!"
17. Tabilħaqq li l-ġusti jkunu f'Ġonna u hena,
18. henjin b'dak li taħom Sidhom. U Sidhom iħarishom mill-kastig tan-Nar iħeġġeġ.
19. *(Se jingħad lilhom)*: "Kulu u ixorbu, henjin! *(Dan ħlaskom)* ta' dak li kontu tagħmlu."
20. *(Imbagħad jistrieħu)* mimdudin fuq divani qrib xulxin. U nżewġuhom ma' nisa sbieħ b'għajnejn kbar.
21. U lil dawk li jemmnu, u *(li għandhom)* nisilhom jimxi warajhom bi twemmin, Aħna ngħaqqdu ma' nisilhom, u ma nnaqqsulhom xejn minn għemilhom. Kull bniedem huwa marbut b'dak li kiseb *(b'għemilu, u responsabbli għalih)*.
22. U *(fil-Ġenna)* se nagħtuhom frott u laħam, minn dak li jixtiequ.
23. Fiha jnewlu lil xulxin tazza *(bl-inbid)* li la fiha frugħa *(li twassal għal kliem żejjed u tilwim)* u lanqas ħtija *(għaliex l-inbid ta' ġewwa fiha ma jsakkarx)*.
24. U jduru magħhom *(biex iqassmulhom u jaqduhom)* subien *(qaddejja)* tagħhom, qishom perli mkennin.
25. Uħud minnhom jersqu lejn oħrajn, u jsaqsu lil xulxin,
26. jgħidu: "Tabilħaqq li qabel, *(meta konna għadna)* fost niesna, konna mbeżżgħin.
27. Għalhekk Alla wera l-grazzja tiegħu magħna, u ħarisna mill-kastig tan-Nar jikwi.
28. Tassew konna nsejħulu, qabel. Tabilħaqq li Huwa t-Twajjeb, il-Ħanin."
29. Mela fakkar *(lil niesek, Muħammad)*! Bil-grazzja ta' Sidek *(li hija l-profezija li ngħatatlek)* m'intix wieħed li jbassar u lanqas miġnun.
30. Jaqaw *(il-pagani qegħdin)* jgħidu: "*(Ma huwiex ħlief)* poeta; nistennew li jmut f'xi ħin jew ieħor"?
31. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Stennew *(kemm tridu)*! Jiena tabilħaqq magħkom fost dawk li jistennew!"

أَمْ تَأْمُرُهُمْ أَحْلَٰمُهُم بِهَٰذَآ ۚ أَمْ هُمْ قَوْمٌ طَاغُونَ ﴿32﴾ أَمْ يَقُولُونَ تَقَوَّلَهُۥ ۚ
بَل لَّا يُؤْمِنُونَ ﴿33﴾ فَلْيَأْتُوا۟ بِحَدِيثٍ مِّثْلِهِۦٓ إِن كَانُوا۟ صَٰدِقِينَ
﴿34﴾ أَمْ خُلِقُوا۟ مِنْ غَيْرِ شَىْءٍ أَمْ هُمُ ٱلْخَٰلِقُونَ ﴿35﴾ أَمْ خَلَقُوا۟
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ ۚ بَل لَّا يُوقِنُونَ ﴿36﴾ أَمْ عِندَهُمْ خَزَآئِنُ
رَبِّكَ أَمْ هُمُ ٱلْمُصَيْطِرُونَ ﴿37﴾ أَمْ لَهُمْ سُلَّمٌ يَسْتَمِعُونَ فِيهِ ۖ فَلْيَأْتِ
مُسْتَمِعُهُم بِسُلْطَٰنٍ مُّبِينٍ ﴿38﴾ أَمْ لَهُ ٱلْبَنَٰتُ وَلَكُمُ ٱلْبَنُونَ ﴿39﴾
أَمْ تَسْـَٔلُهُمْ أَجْرًا فَهُم مِّن مَّغْرَمٍ مُّثْقَلُونَ ﴿40﴾ أَمْ عِندَهُمُ ٱلْغَيْبُ فَهُمْ
يَكْتُبُونَ ﴿41﴾ أَمْ يُرِيدُونَ كَيْدًا ۖ فَٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ هُمُ ٱلْمَكِيدُونَ ﴿42﴾
أَمْ لَهُمْ إِلَٰهٌ غَيْرُ ٱللَّهِ ۚ سُبْحَٰنَ ٱللَّهِ عَمَّا يُشْرِكُونَ ﴿43﴾ وَإِن يَرَوْا۟ كِسْفًا
مِّنَ ٱلسَّمَآءِ سَاقِطًا يَقُولُوا۟ سَحَابٌ مَّرْكُومٌ ﴿44﴾ فَذَرْهُمْ حَتَّىٰ يُلَٰقُوا۟
يَوْمَهُمُ ٱلَّذِى فِيهِ يُصْعَقُونَ ﴿45﴾ يَوْمَ لَا يُغْنِى عَنْهُمْ كَيْدُهُمْ شَيْـًٔا
وَلَا هُمْ يُنصَرُونَ ﴿46﴾ وَإِنَّ لِلَّذِينَ ظَلَمُوا۟ عَذَابًا دُونَ ذَٰلِكَ وَلَٰكِنَّ
أَكْثَرَهُمْ لَا يَعْلَمُونَ ﴿47﴾ وَٱصْبِرْ لِحُكْمِ رَبِّكَ فَإِنَّكَ بِأَعْيُنِنَا ۖ وَسَبِّحْ
بِحَمْدِ رَبِّكَ حِينَ تَقُومُ ﴿48﴾ وَمِنَ ٱلَّيْلِ فَسَبِّحْهُ وَإِدْبَٰرَ ٱلنُّجُومِ ﴿49﴾

سُورَةُ النَّجْمِ

32. Jaqaw l-imhuh taghhom jikkmandawhom dwar dan *(il-gideb tagħhom)*, jew huma nies ħżiena għall-aħħar?
33. Jew jgħidu *(il-pagani)*: "Qalgħu minn żniedu *(Muħammad dan il-Qoran)*"? Le, ma jemmnux!
34. Mela ħalli jġibu kliem bħalu *(dan il-Qoran)*, jekk qegħdin jgħidu s-sewwa!
35. Jaqaw inħalqu mingħajr xejn *(u mingħajr Ħallieq)*, jew huma l-ħallieqa *(u ħalqu lilhom infushom)*?
36. Jew ħalqu s-smewwiet u l-art? Le, ma jemmnux bis-sħiħ!
37. Jaqaw għandhom il-ħażniet *(tal-ġid u l-ħniena)* ta' Sidek *(u jagħtu l-profezija lil min iridu)*? Jew tagħhom hi l-ħakma?
38. Jew għandhom sellum li bih *(jitilgħu fis-smewwiet u)* jissemmgħu *(lill-anġli u lil Alla)*? Mela ħalli lis-semmiegħ tagħhom iġib prova ċara!
39. Jaqaw *(Alla)* għandu l-bniet, u intom għandkom is-subien?
40. Jaqaw qiegħed titlobhom xi ħlas *(tal-profezija tiegħek, Muħammad)*, u għalhekk huma mtaqqlin bid-dejn?
41. Jew għandhom *(l-għarfien)* tal-ħwejjeġ mistura, u għalhekk jiktbu?
42. Jaqaw *(Muħammad, il-pagani)* iridu*(lek)* il-qerq? Iżda huma dawk li ma jemmnux li jitqarrqu!
43. Jew għandhom xi alla minflok Alla? Sebħ lil Alla *(għaliex huwa ogħla)* minn dak li jxierku *(miegħu)*!
44. U jekk jaraw biċċa mis-sema taqa' *(għal fuqhom)*, jgħidu: "*(Dan)* gods sħab miġbur."
45. Mela ħallihom *(jedhew, Muħammad, bil-frugħat tagħhom)* sa ma jiltaqgħu mal-Jum tagħhom li fih jintilfu minn sensihom *(bil-biża' kbir li jaħkimhom)*;
46. fil-Jum meta ma jiswielhom xejn il-qerq tagħhom, u lanqas ikunu megħjuna.
47. Tabilħaqq li għal dawk li għamlu l-ħażen hemm kastig *(ieħor)* barra dan *(fid-dinja, jew fil-qabar)*, iżda l-kotra tagħhom ma jafux.
48. U stenna bis-sabar *(Muħammad)* il-Ġudizzju ta' Sidek, għaliex inti tinsab taħt għajnejna *(u nħarsuk bla waqfien)*. U fakkar is-sebħ ta' Sidek meta tqum,
49. u billejl sebbħu *(u agħtih qima)*, u ma' nżul il-kwiekeb *(taħt ix-xefaq, fl-aħħar tal-lejl)*.

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

وَالنَّجْمِ إِذَا هَوَىٰ ﴿1﴾ مَا ضَلَّ صَاحِبُكُمْ وَمَا غَوَىٰ ﴿2﴾ وَمَا يَنطِقُ
عَنِ الْهَوَىٰ ﴿3﴾ إِنْ هُوَ إِلَّا وَحْيٌ يُوحَىٰ ﴿4﴾ عَلَّمَهُ شَدِيدُ الْقُوَىٰ ﴿5﴾
ذُو مِرَّةٍ فَاسْتَوَىٰ ﴿6﴾ وَهُوَ بِالْأُفُقِ الْأَعْلَىٰ ﴿7﴾ ثُمَّ دَنَا فَتَدَلَّىٰ ﴿8﴾
فَكَانَ قَابَ قَوْسَيْنِ أَوْ أَدْنَىٰ ﴿9﴾ فَأَوْحَىٰ إِلَىٰ عَبْدِهِ مَا أَوْحَىٰ ﴿10﴾
مَا كَذَبَ الْفُؤَادُ مَا رَأَىٰ ﴿11﴾ أَفَتُمَارُونَهُ عَلَىٰ مَا يَرَىٰ ﴿12﴾ وَلَقَدْ رَآهُ
نَزْلَةً أُخْرَىٰ ﴿13﴾ عِندَ سِدْرَةِ الْمُنتَهَىٰ ﴿14﴾ عِندَهَا جَنَّةُ الْمَأْوَىٰ ﴿15﴾
إِذْ يَغْشَى السِّدْرَةَ مَا يَغْشَىٰ ﴿16﴾ مَا زَاغَ الْبَصَرُ وَمَا طَغَىٰ ﴿17﴾ لَقَدْ رَأَىٰ
مِنْ آيَاتِ رَبِّهِ الْكُبْرَىٰ ﴿18﴾ أَفَرَأَيْتُمُ اللَّاتَ وَالْعُزَّىٰ ﴿19﴾ وَمَنَاةَ
الثَّالِثَةَ الْأُخْرَىٰ ﴿20﴾ أَلَكُمُ الذَّكَرُ وَلَهُ الْأُنثَىٰ ﴿21﴾ تِلْكَ إِذًا قِسْمَةٌ
ضِيزَىٰ ﴿22﴾ إِنْ هِيَ إِلَّا أَسْمَاءٌ سَمَّيْتُمُوهَا أَنتُمْ وَآبَاؤُكُم مَّا أَنزَلَ
اللَّهُ بِهَا مِن سُلْطَانٍ ۚ إِن يَتَّبِعُونَ إِلَّا الظَّنَّ وَمَا تَهْوَى الْأَنفُسُ ۖ
وَلَقَدْ جَاءَهُم مِّن رَّبِّهِمُ الْهُدَىٰ ﴿23﴾ أَمْ لِلْإِنسَانِ مَا تَمَنَّىٰ ﴿24﴾ فَلِلَّهِ
الْآخِرَةُ وَالْأُولَىٰ ﴿25﴾ ۞ وَكَم مِّن مَّلَكٍ فِي السَّمَاوَاتِ لَا تُغْنِي
شَفَاعَتُهُمْ شَيْئًا إِلَّا مِن بَعْدِ أَن يَأْذَنَ اللَّهُ لِمَن يَشَاءُ وَيَرْضَىٰ ﴿26﴾

نصف الحزب 53

53. *Sūratu n-Naġm*

(Suret il-Kewkba – Niżlet f'Mekka bi 62 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *(Naħilfu)* fuq il-kewkba meta taqa'!
2. Ma tilifx it-triq seħibkom *(Muħammad)* u lanqas tqarraq,
3. u ma jitkellimx mix-xewqa *(tiegħu stess)*.
4. *(Il-Qoran u kliem il-Profeta)* ma huwiex għajr tnebbiħ li jitnebbaħ.
5. Għallmu *(lil Muħammad)* dak ta' wisq qawwa *(Gabrijel)*,
6. dak ta' qilla, u deher sħiħ *(fis-sura oriġinali tiegħu)*,
7. meta kien fl-ogħla xefaq.
8. Imbagħad resaq u ddendel,
9. u kien *(bogħod minn Muħammad)* daqs żewġt iqwies, jew eqreb,
10. u nebbaħ lill-qaddej tiegħu *(Muħammad)* dak li nebbaħ.
11. Il-qalb *(ta' Muħammad)* ma gidbitx dwar dak li rat *(matul is-safra minn Mekka għal Ġerusalemm u, minn hemm, lejn is-sema)*.
12. Jaqaw *(intom il-pagani)* tmeruħ dwar dak li ra?
13. U *(Muħammad lill-anġlu Gabrijel)* tassew rah fi nżul ieħor,
14. ħdejn is-Siġra tat-Tmiem *(fis-seba' sema)*;
15. qribha hemm il-Ġenna tal-kenn *(aħħari)*.
16. Meta dak *(ta' l-għaġeb)* li jiksi kesa s-siġra;
17. l-għajnejn *(tal-Profeta Muħammad)* ma tħarrkux, u lanqas qabżu l-limiti.
18. Huwa tassew ra whud mill-akbar sinjali ta' Sidu.
19. Jaqaw *(intom il-pagani)* rajtu lil-Lāt u lill-Għużżā,
20. u lil Manāt, it-tielet waħda, l-oħra *(mit-tliet allat li tgħidu li huma l-bniet ta' Alla)*?[65]
21. Jaqaw *(iżżommu)* għalikom is-subien, u għalih *(għal Alla, tħallu)* il-bniet?
22. Dik tassew qasma *(bejn subien u bniet)* li ma hijiex bil-ħaqq!
23. Ma humiex għajr ismijiet li semmejtu intom u missirijietkom. Alla ma niżżel ebda setgħa għalihom. Huma ma jimxux jekk mhux fuq l-istħajjil *(tagħhom)* u fuq dak li huma nfushom jixtiequ, minkejja li tassew ġiethom tmexxija tajba minn Sidhom.
24. Jaqaw il-bniedem ikollu dak li jixtieq?
25. Ta' Alla hija l-Aħħar *(Ħajja)*, u l-ewwel waħda.
26. U kemm hemm anġli fis-smewwiet li l-interċessjoni tagħhom ma tiswa xejn, jekk mhux wara li Alla jippermetti *(din l-interċessjoni)* lil min irid u jogħġbu.

---

[65] Ara t-Tagħrif Ġenerali dwar is-Siġra tat-Tmiem, Lāt, Għużżā u Manāt.

إِنَّ ٱلَّذِينَ لَا يُؤْمِنُونَ بِٱلْآخِرَةِ لَيُسَمُّونَ ٱلْمَلَٰٓئِكَةَ تَسْمِيَةَ ٱلْأُنثَىٰ ﴿27﴾
وَمَا لَهُم بِهِۦ مِنْ عِلْمٍ ۖ إِن يَتَّبِعُونَ إِلَّا ٱلظَّنَّ ۖ وَإِنَّ ٱلظَّنَّ لَا يُغْنِى مِنَ
ٱلْحَقِّ شَيْـًٔا ﴿28﴾ فَأَعْرِضْ عَن مَّن تَوَلَّىٰ عَن ذِكْرِنَا وَلَمْ يُرِدْ إِلَّا ٱلْحَيَوٰةَ
ٱلدُّنْيَا ﴿29﴾ ذَٰلِكَ مَبْلَغُهُم مِّنَ ٱلْعِلْمِ ۚ إِنَّ رَبَّكَ هُوَ أَعْلَمُ بِمَن ضَلَّ عَن
سَبِيلِهِۦ وَهُوَ أَعْلَمُ بِمَنِ ٱهْتَدَىٰ ﴿30﴾ وَلِلَّهِ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا
فِى ٱلْأَرْضِ لِيَجْزِىَ ٱلَّذِينَ أَسَـٰٓـُٔوا۟ بِمَا عَمِلُوا۟ وَيَجْزِىَ ٱلَّذِينَ أَحْسَنُوا۟
بِٱلْحُسْنَى ﴿31﴾ ٱلَّذِينَ يَجْتَنِبُونَ كَبَـٰٓئِرَ ٱلْإِثْمِ وَٱلْفَوَٰحِشَ إِلَّا ٱللَّمَمَ ۚ
إِنَّ رَبَّكَ وَٰسِعُ ٱلْمَغْفِرَةِ ۚ هُوَ أَعْلَمُ بِكُمْ إِذْ أَنشَأَكُم مِّنَ ٱلْأَرْضِ
وَإِذْ أَنتُمْ أَجِنَّةٌ فِى بُطُونِ أُمَّهَـٰتِكُمْ ۖ فَلَا تُزَكُّوٓا۟ أَنفُسَكُمْ ۖ هُوَ أَعْلَمُ
بِمَنِ ٱتَّقَىٰٓ ﴿32﴾ أَفَرَءَيْتَ ٱلَّذِى تَوَلَّىٰ ﴿33﴾ وَأَعْطَىٰ قَلِيلًا وَأَكْدَىٰٓ
﴿34﴾ أَعِندَهُۥ عِلْمُ ٱلْغَيْبِ فَهُوَ يَرَىٰٓ ﴿35﴾ أَمْ لَمْ يُنَبَّأْ بِمَا فِى صُحُفِ
مُوسَىٰ ﴿36﴾ وَإِبْرَٰهِيمَ ٱلَّذِى وَفَّىٰٓ ﴿37﴾ أَلَّا تَزِرُ وَازِرَةٌ وِزْرَ أُخْرَىٰ
﴿38﴾ وَأَن لَّيْسَ لِلْإِنسَـٰنِ إِلَّا مَا سَعَىٰ ﴿39﴾ وَأَنَّ سَعْيَهُۥ سَوْفَ
يُرَىٰ ﴿40﴾ ثُمَّ يُجْزَىٰهُ ٱلْجَزَآءَ ٱلْأَوْفَىٰ ﴿41﴾ وَأَنَّ إِلَىٰ رَبِّكَ ٱلْمُنتَهَىٰ
﴿42﴾ وَأَنَّهُۥ هُوَ أَضْحَكَ وَأَبْكَىٰ ﴿43﴾ وَأَنَّهُۥ هُوَ أَمَاتَ وَأَحْيَا ﴿44﴾

27. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)* isemmu lill-anġli b'ismijiet ta' mara.
28. Huma ma għandhomx għarfien dwar dan u ma jimxux jekk mhux fuq l-istħajjil *(mgħawweġ tagħhom)*. Tabilħaqq li l-istħajjil ma jiswa xejn għas-sewwa.
29. Għalhekk warrab *(Muħammad)* minn min telaq it-tifkira tagħna u ma jridx ħlief il-ħajja *(f'din)* id-dinja.
30. Sa hemm jasal l-għarfien tagħhom! Tabilħaqq li Sidek *(Muħammad)* jaf l-aktar dwar min ħareġ minn triqtu, u l-aktar li jaf b'min jinsab fit-triq it-tajba.
31. U ta' Alla huwa kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art, biex iħallas lil dawk li jagħmlu l-ħażen skond għemilhom, u jħallas lil dawk li jagħmlu t-tajjeb bl-aħjar *(ħlas)*.
32. Huma dawk li jaħarbu mill-ħtijiet il-kbar u mill-għemejjel faħxija, ħlief għan-nuqqasijiet iż-żgħar. Tabilħaqq li Sidek wiesa' fil-maħfra. Huwa l-aktar li kien jafkom, meta ħalaqkom mill-art, u meta kontu trabi moħbija fi ġwief ommijietkom. Għalhekk la tiftaħrux bis-safa tagħkom infuskom! Huwa l-aktar li jaf b'min għandu l-biża' ta' Alla.
33. Jaqaw rajt *(Muħammad)* lil dak *(il-midneb)* li telaq 'l hemm *(u tbiegħed mit-twemmin)*,
34. li ta ftit, imbagħad ixxaħħaħ?
35. Jaqaw għandu l-għarfien tal-ħwejjeġ mistura u għalhekk jara *(dak li ħaddieħor ma jarax)*?
36. Jew ma kienx mgħarraf b'dak li hemm fil-Kotba ta' Mosè *(it-Torā)*,
37. u *(fil-Kotba ta')* Abraham li qeda sa l-aħħar *(l-amar ta' Alla)*?
38. *(Jeħtieġ ikun magħruf)* li dik *(ir-ruħ)* li terfa' t-toqol *(tad-dnub)* ma terfax toqol ta' ruħ oħra,
39. u li l-bniedem ma għandux għajr dak li ħabrek għalih,
40. u li t-tħabrik tiegħu se jintwera *(lilu f'Jum il-Qawmien)*,
41. imbagħad jitħallas tiegħu l-ħlas is-sħih.
42. *(Jeħtieġ ikun magħruf)* li għand Sidek it-tmiem *(ta' kollox)*,
43. u li Huwa li jdaħħak u li jbikki *(lill-bniedem)*,
44. u li Huwa li jagħti l-mewt u jagħti l-ħajja,

وَأَنَّهُۥ خَلَقَ ٱلزَّوْجَيْنِ ٱلذَّكَرَ وَٱلْأُنثَىٰ ﴿45﴾ مِن نُّطْفَةٍ إِذَا تُمْنَىٰ ﴿46﴾ وَأَنَّ
عَلَيْهِ ٱلنَّشْأَةَ ٱلْأُخْرَىٰ ﴿47﴾ وَأَنَّهُۥ هُوَ أَغْنَىٰ وَأَقْنَىٰ ﴿48﴾ وَأَنَّهُۥ هُوَ رَبُّ
ٱلشِّعْرَىٰ ﴿49﴾ وَأَنَّهُۥٓ أَهْلَكَ عَادًا ٱلْأُولَىٰ ﴿50﴾ وَثَمُودَا۟ فَمَآ أَبْقَىٰ ﴿51﴾
وَقَوْمَ نُوحٍ مِّن قَبْلُ ۖ إِنَّهُمْ كَانُوا۟ هُمْ أَظْلَمَ وَأَطْغَىٰ ﴿52﴾ وَٱلْمُؤْتَفِكَةَ
أَهْوَىٰ ﴿53﴾ فَغَشَّىٰهَا مَا غَشَّىٰ ﴿54﴾ فَبِأَىِّ ءَالَآءِ رَبِّكَ تَتَمَارَىٰ ﴿55﴾
هَٰذَا نَذِيرٌ مِّنَ ٱلنُّذُرِ ٱلْأُولَىٰٓ ﴿56﴾ أَزِفَتِ ٱلْآزِفَةُ ﴿57﴾ لَيْسَ لَهَا مِن
دُونِ ٱللَّهِ كَاشِفَةٌ ﴿58﴾ أَفَمِنْ هَٰذَا ٱلْحَدِيثِ تَعْجَبُونَ ﴿59﴾ وَتَضْحَكُونَ
وَلَا تَبْكُونَ ﴿60﴾ وَأَنتُمْ سَٰمِدُونَ ﴿61﴾ فَٱسْجُدُوا۟ لِلَّهِ وَٱعْبُدُوا۟ ﴿62﴾

سجدة

سُورَةُ القَمَرِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

ٱقْتَرَبَتِ ٱلسَّاعَةُ وَٱنشَقَّ ٱلْقَمَرُ ﴿1﴾ وَإِن يَرَوْا۟ ءَايَةً يُعْرِضُوا۟
وَيَقُولُوا۟ سِحْرٌ مُّسْتَمِرٌّ ﴿2﴾ وَكَذَّبُوا۟ وَٱتَّبَعُوٓا۟ أَهْوَآءَهُمْ ۚ
وَكُلُّ أَمْرٍ مُّسْتَقِرٌّ ﴿3﴾ وَلَقَدْ جَآءَهُم مِّنَ ٱلْأَنۢبَآءِ
مَا فِيهِ مُزْدَجَرٌ ﴿4﴾ حِكْمَةٌۢ بَٰلِغَةٌ ۖ فَمَا تُغْنِ ٱلنُّذُرُ
﴿5﴾ فَتَوَلَّ عَنْهُمْ ۘ يَوْمَ يَدْعُ ٱلدَّاعِ إِلَىٰ شَىْءٍ نُّكُرٍ ﴿6﴾

45. u li ħalaq iż-żewġ *(bnedmin)*, ir-raġel u l-mara,
46. minn nitfa *(ta' sperma)* meta tinħareġ,
47. u li għalih *(għal Alla)* il-qawmien *(tal-ħolqien)* darba oħra,
48. u li Huwa li jagħti l-għana u l-ġid *(lil min irid)*,
49. u li Huwa Sid *(tal-kewkba)* Sirju *(meqjuma mill-pagani)*,
50. u li qered lill-*(ġens ta')* Għād tal-qedem,
51. u lil *(ġens ta')* Tamūd, u ma ħalliex *(minnhom ħajjin)*,
52. u lil nies Noè, qabel. Tabilħaqq li kienu huma l-aktar inġusti u l-aktar ħżiena!
53. U qered il-bliet meqluba *(ta' taħt fuq ta' Sodoma u Gomorra)*,
54. u għattiehom dak *(il-kastig)* li għattiehom.
55. Mela liema grazzji ta' Sidek qiegħed tmieri?
56. Dan *(Muħammad)* huwa wieħed li jwissi, bħal dawk li jwissu minn tal-qedem.
57. Qiegħda toqrob dik *(is-siegħa ta' Jum il-Qawmien)* li dejjem riesqa.
58. Xejn, ħlief Alla, ma jikxifha.
59. Jaqaw tistagħġbu b'dan il-kliem?
60. U tidħku, u ma tibkux,
61. *(għaliex)* intom moħħkom imtajjar *(u medhijin bil-frugħat)*?
62. Mela nxteħtu quddiem Alla u qimu*(h)*!

54. *Sūratu l-Qamar*

(Suret il-Qamar – Niżlet f'Mekka b'55 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Qorbot is-Siegħa *(ta' Jum il-Qawmien mill-imwiet)* u xxaqqaq il-qamar.
2. U jekk *(dawk li ma jemmnux)* jaraw sinjal, huma jagħtu*(h)* daharhom u jgħidu: "Seħer bla waqfien!"
3. U giddbu *(lill-Profeta)* u mxew wara x-xewqat tagħhom. *(iżda għandhom jiftakru li)* kull ħaġa għandha tmiemha.
4. Tassew waslulhom ġrajjiet *(ta' ġnus ħżiena oħra)* li fihom *(isibu)* dak li jżommhom *(milli jagħmlu bħalhom)*;
5. għerf sħiħ *(waslilhom)*, iżda ma jiswewx it-twissijiet.
6. Mela warrab minnhom *(Muħammad)* fil-Jum meta dak li jsejjaħ *(l-anġlu Isrāfīl)* isejjaħ lejn ħaġa mistkerrha.

خُشَّعًا أَبْصَٰرُهُمْ يَخْرُجُونَ مِنَ ٱلْأَجْدَاثِ كَأَنَّهُمْ جَرَادٌ مُّنتَشِرٌ ﴿7﴾
مُّهْطِعِينَ إِلَى ٱلدَّاعِ ۖ يَقُولُ ٱلْكَٰفِرُونَ هَٰذَا يَوْمٌ عَسِرٌ ﴿8﴾ كَذَّبَتْ
قَبْلَهُمْ قَوْمُ نُوحٍ فَكَذَّبُوا۟ عَبْدَنَا وَقَالُوا۟ مَجْنُونٌ وَٱزْدُجِرَ ﴿9﴾ فَدَعَا
رَبَّهُۥٓ أَنِّى مَغْلُوبٌ فَٱنتَصِرْ ﴿10﴾ فَفَتَحْنَآ أَبْوَٰبَ ٱلسَّمَآءِ بِمَآءٍ مُّنْهَمِرٍ
﴿11﴾ وَفَجَّرْنَا ٱلْأَرْضَ عُيُونًا فَٱلْتَقَى ٱلْمَآءُ عَلَىٰٓ أَمْرٍ قَدْ قُدِرَ ﴿12﴾
وَحَمَلْنَٰهُ عَلَىٰ ذَاتِ أَلْوَٰحٍ وَدُسُرٍ ﴿13﴾ تَجْرِى بِأَعْيُنِنَا جَزَآءً لِّمَن كَانَ
كُفِرَ ﴿14﴾ وَلَقَد تَّرَكْنَٰهَآ ءَايَةً فَهَلْ مِن مُّدَّكِرٍ ﴿15﴾ فَكَيْفَ كَانَ
عَذَابِى وَنُذُرِ ﴿16﴾ وَلَقَدْ يَسَّرْنَا ٱلْقُرْءَانَ لِلذِّكْرِ فَهَلْ مِن مُّدَّكِرٍ
﴿17﴾ كَذَّبَتْ عَادٌ فَكَيْفَ كَانَ عَذَابِى وَنُذُرِ ﴿18﴾ إِنَّآ أَرْسَلْنَا عَلَيْهِمْ
رِيحًا صَرْصَرًا فِى يَوْمِ نَحْسٍ مُّسْتَمِرٍّ ﴿19﴾ تَنزِعُ ٱلنَّاسَ كَأَنَّهُمْ أَعْجَازُ
نَخْلٍ مُّنقَعِرٍ ﴿20﴾ فَكَيْفَ كَانَ عَذَابِى وَنُذُرِ ﴿21﴾ وَلَقَدْ يَسَّرْنَا ٱلْقُرْءَانَ
لِلذِّكْرِ فَهَلْ مِن مُّدَّكِرٍ ﴿22﴾ كَذَّبَتْ ثَمُودُ بِٱلنُّذُرِ ﴿23﴾ فَقَالُوٓا۟ أَبَشَرًا
مِّنَّا وَٰحِدًا نَّتَّبِعُهُۥٓ ۙ إِنَّآ إِذًا لَّفِى ضَلَٰلٍ وَسُعُرٍ ﴿24﴾ أَءُلْقِىَ ٱلذِّكْرُ عَلَيْهِ
مِنۢ بَيْنِنَا بَلْ هُوَ كَذَّابٌ أَشِرٌ ﴿25﴾ سَيَعْلَمُونَ غَدًا مَّنِ ٱلْكَذَّابُ
ٱلْأَشِرُ ﴿26﴾ إِنَّا مُرْسِلُوا۟ ٱلنَّاقَةِ فِتْنَةً لَّهُمْ فَٱرْتَقِبْهُمْ وَٱصْطَبِرْ ﴿27﴾

7. B'ghajnejhom 'l isfel johorġu mill-oqbra bhal ġrad imxerred,
8. sejrin mgħaġġlin lejn dak li jsejħilhom. Dawk li ma jemmnux jgħidu: "Dan Jum iebes!"
9. Qabilhom *(il-pagani)*, nies Noè giddbu*(h lill-Profeta tagħhom)* u giddbu lill-qaddej tagħna, u qalu: "Miġnun *(Noè)*!" U kien imżeblaħ u mhedded.
10. Għalhekk sejjaħ lil Sidu *(il-Mulej u qal)*: "Jiena tabilħaqq megħlub! Mela agħti*(ni)* l-għajnuna."
11. Għalhekk ftaħna bwieb is-sema b'ilma mferra',
12. u mill-art ħriġna għejun ta' l-ilma, u l-ilma *(mis-sema u l-art)* iltaqa' għal għan maħsub *(minn qabel: l-għarqa tal-ħżiena)*.
13. U ġarrejnieh *(lil Noè)* fuq mirkeb ta' twavel u msiemer
14. li jiġri *(fuq l-ilmijiet)* taħt għajnejna *(u fil-ħarsien tagħna)*; ħlas għal min kien miċħud *(minn niesu)*.
15. Aħna tassew ħallejnieha *(dik il-ġrajja tad-dilluvju)* b'sinjal *(għall-ġnus li ġew wara)*. Tgħid hemm min jieħu tagħlima *(minnha)*?
16. Mela *(ara)* kemm kien *(tal-biża')* il-kastig tiegħi u t-twiddib tiegħi *(lil dawk li ċaħdu s-sinjali li ġewhom)*!
17. Aħna tassew ħaffifna l-Qoran biex tiftakru*(h)*. Tgħid hemm min jieħu tagħlima *(minnu)*?
18. *(Il-ġens ta')* Għād giddeb *(lill-Mibgħut Hūd)*. Mela *(ara)* kemm kien *(tal-biża')* il-kastig tiegħi u t-twiddib tiegħi *(lil dawk li ċaħduh)*!
19. Aħna tabilħaqq bgħatna fuqhom riefnu kiesaħ f'jum ta' riżq ħażin bla tmiem,
20. li qala' n-nies *(minn posthom bil-qawwa kbira tiegħu)*, qishom għeruq tas-siġar tal-palm maqlugħa.
21. Mela *(ara)* kemm kien *(tal-biża')* il-kastig tiegħi u t-twiddib tiegħi!
22. Aħna tassew ħaffifna l-Qoran biex tiftakru*(h)*. Tgħid hemm min jieħu tagħlima *(minnu)*?
23. *(Ġens)* Tamūd giddeb it-twiddib *(ta' Ṣāliħ, il-Mibgħut)*,
24. u qalu: "Jaqaw għandna nimxu wara bniedem waħdu, minn fostna? Mela *(jekk nagħmlu hekk)* tassew inkunu f'telfien u f'ġenn!
25. Jaqaw lilu ntbagħtet it-tifkira, minn *(daqshekk nies)* fostna *(li għandhom wisq aktar qawwa u ġid minnu)*? Le, *(dan Ṣāliħ ma huwiex Mibgħut)*! Huwa giddieb wisq!"
26. Għada se jkunu jafu min hu l-giddieb wisq!
27. Tabilħaqq li se nibagħtu l-ġemla b'tiġrib għalihom. Mela għasses fuqhom *(ja Ṣāliħ, u ara x'se jagħmlu)* u żomm b'sabrek!

وَنَبِّئْهُمْ أَنَّ الْمَاءَ قِسْمَةٌ بَيْنَهُمْ ۖ كُلُّ شِرْبٍ مُّحْتَضَرٌ ﴿28﴾ فَنَادَوْا صَاحِبَهُمْ
فَتَعَاطَىٰ فَعَقَرَ ﴿29﴾ فَكَيْفَ كَانَ عَذَابِي وَنُذُرِ ﴿30﴾ إِنَّا أَرْسَلْنَا عَلَيْهِمْ
صَيْحَةً وَاحِدَةً فَكَانُوا كَهَشِيمِ الْمُحْتَظِرِ ﴿31﴾ وَلَقَدْ يَسَّرْنَا الْقُرْآنَ
لِلذِّكْرِ فَهَلْ مِن مُّدَّكِرٍ ﴿32﴾ كَذَّبَتْ قَوْمُ لُوطٍ بِالنُّذُرِ ﴿33﴾ إِنَّا أَرْسَلْنَا
عَلَيْهِمْ حَاصِبًا إِلَّا آلَ لُوطٍ ۖ نَّجَّيْنَاهُم بِسَحَرٍ ﴿34﴾ نِّعْمَةً مِّنْ عِندِنَا
كَذَٰلِكَ نَجْزِي مَن شَكَرَ ﴿35﴾ وَلَقَدْ أَنذَرَهُم بَطْشَتَنَا فَتَمَارَوْا
بِالنُّذُرِ ﴿36﴾ وَلَقَدْ رَاوَدُوهُ عَن ضَيْفِهِ فَطَمَسْنَا أَعْيُنَهُمْ فَذُوقُوا
عَذَابِي وَنُذُرِ ﴿37﴾ وَلَقَدْ صَبَّحَهُم بُكْرَةً عَذَابٌ مُّسْتَقِرٌّ ﴿38﴾
فَذُوقُوا عَذَابِي وَنُذُرِ ﴿39﴾ وَلَقَدْ يَسَّرْنَا الْقُرْآنَ لِلذِّكْرِ فَهَلْ مِن مُّدَّكِرٍ
﴿40﴾ وَلَقَدْ جَاءَ آلَ فِرْعَوْنَ النُّذُرُ ﴿41﴾ كَذَّبُوا بِآيَاتِنَا كُلِّهَا فَأَخَذْنَاهُمْ
أَخْذَ عَزِيزٍ مُّقْتَدِرٍ ﴿42﴾ أَكُفَّارُكُمْ خَيْرٌ مِّنْ أُولَٰئِكُمْ أَمْ لَكُم بَرَاءَةٌ
فِي الزُّبُرِ ﴿43﴾ أَمْ يَقُولُونَ نَحْنُ جَمِيعٌ مُّنتَصِرٌ ﴿44﴾ سَيُهْزَمُ الْجَمْعُ
وَيُوَلُّونَ الدُّبُرَ ﴿45﴾ بَلِ السَّاعَةُ مَوْعِدُهُمْ وَالسَّاعَةُ أَدْهَىٰ وَأَمَرُّ
﴿46﴾ إِنَّ الْمُجْرِمِينَ فِي ضَلَالٍ وَسُعُرٍ ﴿47﴾ يَوْمَ يُسْحَبُونَ فِي النَّارِ
عَلَىٰ وُجُوهِهِمْ ذُوقُوا مَسَّ سَقَرَ ﴿48﴾ إِنَّا كُلَّ شَيْءٍ خَلَقْنَاهُ بِقَدَرٍ ﴿49﴾

28. U għarrafhom li l-ilma għandu jinqasam bejniethom: kull xarba jiġi għaliha min imissu *(b'ħekk nies Ṯamūd u l-ġemla jiġu għax-xorb fil-jum maħsub għalihom)*.
29. Għalhekk *(nies Ṯamūd)* sejħu lil sħibhom *(Qaddār bin Sālif, l-aqħar wieħed fit-tribù tagħhom)* u qabad *(sejf)* u qatilha.
30. Mela *(ara)* kemm kien *(tal-biża')* il-kastig tiegħi u t-twiddib tiegħi!
31. Aħna Tabilħaqq bgħatna fuqhom ħoss qawwi, wieħed, u saru bħall-qasbija ta' dak li jħejji l-mandra *(għall-bhejjem)*.
32. Aħna tassew ħaffifna l-Qoran biex tiftakru*(h)*. Tgħid hemm min jieħu tagħlima *(minnu)*?
33. Ġens Lot giddeb it-twissijiet *(tal-Mibgħut Lot)*.
34. Aħna tabilħaqq bgħatna fuqhom riefnu kbir ta' ġebel *(li qered lil kulħadd)*, ħlief lill-familja ta' Lot *(u dawk li emmnu miegħu)* li ħlisniehom fl-aħħar tal-lejl,
35. bi grazzja mingħandna. Hekk inħallsu lil min jiżżi ħajr!
36. *(Lot)* tassew widdibhom bil-kastig tagħna, iżda huma qagħdu jmieru *(u ddubitaw)* it-twiddib.
37. Huma tassew talbuh *(b'ħażen)* il-mistednin tiegħu *(l-anġli li marru għandu, u riedu jidinbu magħhom)*, iżda Aħna ħassarna għajnejhom. *(Intqal lilhom)*: "Mela duqu l-kastig tiegħi u t-twiddib tiegħi!"
38. Tassew ġiehom kastig filgħodu kmieni, dejjiem!
39. *(Intqal lilhom)*: "Mela duqu l-kastig tiegħi u t-twiddib tiegħi!"
40. Aħna tassew ħaffifna l-Qoran biex tiftakru*(h)*. Tgħid hemm min jieħu tagħlima *(minnu)*?
41. Tassew wasal it-twiddib għand nies il-Fargħun.
42. Huma giddbu s-sinjali tagħna kollha, għalhekk ħadniehom *(għal għarrieda)* kif jeħodhom wieħed felħan li għandu s-setgħa fuq kollox *(u għelibniehom)*.
43. Jaqaw dawk minnkom *(il-pagani ta' Mekka)* li ma jemmnux huma aħjar minn dawk *(il-ġnus tal-qedem)*, jew għandkom ħelsien *(mill-kastig)* fil-Kotba *(li ġew bihom il-Mibgħutin)*?
44. Jew jgħidu: "Aħna ġemgħa *(kbira u qawwija, u għalhekk aħna)* rebbieħin"?
45. Se tingħeleb il-ġemgħa, u jagħtu daħarhom *(maħrubin)*.
46. Le! Is-Siegħa hija l-ħin imwiegħed tagħhom, u s-Siegħa tkun aktar ta' għawġ u aktar morra *(għalihom mill-jasar u l-qtil)*.
47. Tabilħaqq li l-ħaṭjin jinsabu f'telfien u f'nirien!
48. Fil-Jum meta jkunu mkaxkrin fin-Nar fuq uċuħhom *(jingħad lilhom:)* "Duqu l-mess ta' l-Infern!"
49. Aħna tabilħaqq ħlaqna kollox bil-qjies,

وَمَآ أَمْرُنَآ إِلَّا وَٰحِدَةٌ كَلَمْحٍۭ بِٱلْبَصَرِ ﴿50﴾ وَلَقَدْ أَهْلَكْنَآ
أَشْيَاعَكُمْ فَهَلْ مِن مُّدَّكِرٍ ﴿51﴾ وَكُلُّ شَىْءٍ فَعَلُوهُ
فِى ٱلزُّبُرِ ﴿52﴾ وَكُلُّ صَغِيرٍ وَكَبِيرٍ مُّسْتَطَرٌ ﴿53﴾ إِنَّ ٱلْمُتَّقِينَ
فِى جَنَّٰتٍ وَنَهَرٍ ﴿54﴾ فِى مَقْعَدِ صِدْقٍ عِندَ مَلِيكٍ مُّقْتَدِرٍۢ ﴿55﴾

سُورَةُ الرَّحْمَٰنِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

ٱلرَّحْمَٰنُ ﴿1﴾ عَلَّمَ ٱلْقُرْءَانَ ﴿2﴾ خَلَقَ ٱلْإِنسَٰنَ ﴿3﴾
عَلَّمَهُ ٱلْبَيَانَ ﴿4﴾ ٱلشَّمْسُ وَٱلْقَمَرُ بِحُسْبَانٍ ﴿5﴾ وَٱلنَّجْمُ
وَٱلشَّجَرُ يَسْجُدَانِ ﴿6﴾ وَٱلسَّمَآءَ رَفَعَهَا وَوَضَعَ ٱلْمِيزَانَ
﴿7﴾ أَلَّا تَطْغَوْا۟ فِى ٱلْمِيزَانِ ﴿8﴾ وَأَقِيمُوا۟ ٱلْوَزْنَ بِٱلْقِسْطِ
وَلَا تُخْسِرُوا۟ ٱلْمِيزَانَ ﴿9﴾ وَٱلْأَرْضَ وَضَعَهَا لِلْأَنَامِ ﴿10﴾
فِيهَا فَٰكِهَةٌ وَٱلنَّخْلُ ذَاتُ ٱلْأَكْمَامِ ﴿11﴾ وَٱلْحَبُّ ذُو ٱلْعَصْفِ
وَٱلرَّيْحَانُ ﴿12﴾ فَبِأَىِّ ءَالَآءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿13﴾ خَلَقَ
ٱلْإِنسَٰنَ مِن صَلْصَٰلٍ كَٱلْفَخَّارِ ﴿14﴾ وَخَلَقَ ٱلْجَآنَّ
مِن مَّارِجٍ مِّن نَّارٍ ﴿15﴾ فَبِأَىِّ ءَالَآءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿16﴾

الحزب 54

50. u l-amar tagħna ma huwiex ħlief wieħed, bħal tebqa ta' għajn.
51. Aħna tassew qridna lil dawk li jixbhukom *(fiċ-ċaħda tat-twemmin)*. Tgħid hemm min jieħu tagħlima*)*?
52. U kulma għamlu jinsab fil-kotba *(ta' l-għemejjel tal-bniedem, li jinsabu miżmuma għand l-anġli)*,
53. u kull *(għemil)* żgħir jew kbir huwa miktub *(f'dawk il-kotba)*.
54. Tabilħaqq li dawk li jibżgħu minn Alla jinsabu f'Ġonna u fi xmajjar,
55. fi mkien is-sewwa, għand Sultan li għandu s-setgħa fuq kollox.

55. *Sūratu r-Raħmān*

(Suret Dak Kollu Ħniena – Niżlet f'Mekka bi 78 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *(Alla)* Kollu Ħniena;
2. għallem il-Qoran.
3. Ħalaq il-bniedem;
4. għallmu t-tahdit.
5. Ix-xemx u l-qamar *(jitħarrku)* b'kalkolu *(eżatt)*,
6. u l-kwiekeb u s-siġar jinxteħtu *(quddiem Alla bil-qima)*.
7. U s-sema *(Alla)* refgħu *(mingħajr kolonni)*, u qiegħed il-miżien *(għall-għarfien tas-sewwa, taż-żejjed u tan-nieqes)*,
8. biex ma tagħtux użin ħażin.
9. Agħtu l-użin bil-ġustizzja, u la tagħtux użin nieqes!
10. L-art *(Alla)* qegħedha għall-ħlejjaq;
11. fiha frott u siġar tal-palm bl-għenieqed *(tat-tamar)*,
12. u l-qmuħ bil-ħliefa u x-xtieli b'riħa tfuħ.
13. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu *(u tiċħdu intom il-bnedmin u l-ġinn)*?
14. Ħalaq il-bniedem minn tafal *(niexef)* li jċenċel *(meta tħabbat fuqu)*, bħall-fuħħar,
15. u ħalaq lill-*ġinn* minn nar bla duħħan.
16. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?

رَبُّ الْمَشْرِقَيْنِ وَرَبُّ الْمَغْرِبَيْنِ ﴿17﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿18﴾
مَرَجَ الْبَحْرَيْنِ يَلْتَقِيَانِ ﴿19﴾ بَيْنَهُمَا بَرْزَخٌ لَّا يَبْغِيَانِ ﴿20﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ
رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿21﴾ يَخْرُجُ مِنْهُمَا اللُّؤْلُؤُ وَالْمَرْجَانُ ﴿22﴾ فَبِأَيِّ
آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿23﴾ وَلَهُ الْجَوَارِ الْمُنشَآتُ فِي الْبَحْرِ كَالْأَعْلَامِ
﴿24﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿25﴾ كُلُّ مَنْ عَلَيْهَا فَانٍ ﴿26﴾ وَيَبْقَىٰ
وَجْهُ رَبِّكَ ذُو الْجَلَالِ وَالْإِكْرَامِ ﴿27﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ
﴿28﴾ يَسْأَلُهُ مَن فِي السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضِ ۚ كُلَّ يَوْمٍ هُوَ فِي شَأْنٍ ﴿29﴾ فَبِأَيِّ
آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿30﴾ سَنَفْرُغُ لَكُمْ أَيُّهَ الثَّقَلَانِ ﴿31﴾ فَبِأَيِّ
آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿32﴾ يَا مَعْشَرَ الْجِنِّ وَالْإِنسِ إِنِ اسْتَطَعْتُمْ
أَن تَنفُذُوا مِنْ أَقْطَارِ السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضِ فَانفُذُوا ۚ لَا تَنفُذُونَ
إِلَّا بِسُلْطَانٍ ﴿33﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿34﴾ يُرْسَلُ عَلَيْكُمَا
شُوَاظٌ مِّن نَّارٍ وَنُحَاسٌ فَلَا تَنتَصِرَانِ ﴿35﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا
تُكَذِّبَانِ ﴿36﴾ فَإِذَا انشَقَّتِ السَّمَاءُ فَكَانَتْ وَرْدَةً كَالدِّهَانِ
﴿37﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿38﴾ فَيَوْمَئِذٍ لَّا يُسْأَلُ عَن ذَنبِهِ
إِنسٌ وَلَا جَانٌّ ﴿39﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿40﴾

17. Sid iż-żewġ inħawi tat-tlugħ *(tax-xemx u l-qamar)* u ż-żewġ inħawi ta' l-inżul *(minn fejn jinżlu x-xemx u l-qamar)*.
18. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
19. Ħalla ż-żewġt ibħra *(dak mieleħ u dak ħelu)* jimirħu u jiltaqgħu;
20. bejniethom hemm barrikata li ma jaqbżuhiex.
21. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
22. Minnhom it-tnejn *(miż-żewġt ibħra)* joħorġu l-perli u l-qroll.
23. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
24. Tiegħu l-imriekeb merfugħa, bħall-iġbla, fil-baħar.
25. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
26. Kulmin jinsab fuqha *(l-art)* għad jintemm,
27. u jibqa' Wiċċ Sidek, li tiegħu hi l-glorja u l-ġieħ.
28. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
29. Jitolbuh *(l-għajnuna)* dawk li jinsabu fis-smewwiet u fl-art; ta' kuljum Huwa f'xi għemil *(mill-għemejjel divini tiegħu)*.
30. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
31. Se nieħdu ħsiebkom *(u nagħmlu ħaqq minnkom f'Jum il-Qawmien)*, intom il-bnedmin u l-*ġinn*!
32. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
33. Ja ġemgħat tal-*ġinn* u tan-nies, jekk tistgħu tinfdu l-inħawi tas-smewwiet u l-art *(biex forsi taħarbu l-kastig ta' Alla)*, mela infdu*(hom)*! M'intomx se tinfdu*(hom)*, jekk mhux bis-setgħa *(tagħna)*!
34. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
35. Jintbagħtu fuqkom it-tnejn *(dakinhar ta' Jum il-Qawmien)* ilsna tan-nar bla duħħan u ram *(imdewweb li jissawwab fuqkom)*, u ma tħarsux lilkom infuskom.
36. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
37. U meta s-sema jixxaqqaq *(f'Jum il-Qawmien)* ikun *(minn lewn il-)* warda, bħall-ġild l-aħmar.
38. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
39. Dakinhar ebda bniedem jew *ġinn* ma jkun mistoqsi dwar id-dnub tiegħu *(għaliex ikunu magħrufin il-ħatjin)*.
40. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?

يُعْرَفُ الْمُجْرِمُونَ بِسِيمَاهُمْ فَيُؤْخَذُ بِالنَّوَاصِي وَالْأَقْدَامِ ﴿41﴾ فَبِأَيِّ
آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿42﴾ هَٰذِهِ جَهَنَّمُ الَّتِي يُكَذِّبُ بِهَا الْمُجْرِمُونَ
﴿43﴾ يَطُوفُونَ بَيْنَهَا وَبَيْنَ حَمِيمٍ آنٍ ﴿44﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ
﴿45﴾ وَلِمَنْ خَافَ مَقَامَ رَبِّهِ جَنَّتَانِ ﴿46﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ
﴿47﴾ ذَوَاتَا أَفْنَانٍ ﴿48﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿49﴾ فِيهِمَا عَيْنَانِ
تَجْرِيَانِ ﴿50﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿51﴾ فِيهِمَا مِن كُلِّ فَاكِهَةٍ
زَوْجَانِ ﴿52﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿53﴾ مُتَّكِئِينَ عَلَىٰ فُرُشٍ
بَطَائِنُهَا مِنْ إِسْتَبْرَقٍ وَجَنَى الْجَنَّتَيْنِ دَانٍ ﴿54﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا
تُكَذِّبَانِ ﴿55﴾ فِيهِنَّ قَاصِرَاتُ الطَّرْفِ لَمْ يَطْمِثْهُنَّ إِنسٌ قَبْلَهُمْ
وَلَا جَانٌّ ﴿56﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿57﴾ كَأَنَّهُنَّ الْيَاقُوتُ
وَالْمَرْجَانُ ﴿58﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿59﴾ هَلْ جَزَاءُ
الْإِحْسَانِ إِلَّا الْإِحْسَانُ ﴿60﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ
﴿61﴾ وَمِن دُونِهِمَا جَنَّتَانِ ﴿62﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ
﴿63﴾ مُدْهَامَّتَانِ ﴿64﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿65﴾ فِيهِمَا
عَيْنَانِ نَضَّاخَتَانِ ﴿66﴾ فَبِأَيِّ آلَاءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿67﴾

41. Il-ħatjin jingħarfu mill-marki tagħhom, u jittieħdu mill-bżiebeż u mis-saqajn *(u jinxteħtu fl-Infern)*.
42. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
43. Dan hu l-Infern li jgiddbu l-ħatjin:
44. iduru bejnu *(nar l-Infern)* u bejn l-ilma li ma jistax jagħli aktar.
45. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
46. U għal min jibża' li għad iqum quddiem Sidu *(il-Mulej)* hemm żewġ Ġonna *(waħda għalih u oħra għal niesu)*.
47. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
48. *(F'dawn iż-żewġ Ġonna jinsabu siġar)* bi friegħi *(mifruxin u bil- frott)*.
49. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
50. Fihom it-tnejn jinsabu żewġ għejun ta' ilma ġieri.
51. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
52. Fihom it-tnejn hemm żewġ *(għamliet)* minn kull frotta.
53. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
54. Mimdudin *(ikunu l-ġusti)* fuq sodod infurrati bl-imbrukkat, u l-frott taż-żewġ Ġonna jinsab fil-qrib *(u jinqata', kotran, mingħajr tbatija)*.
55. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
56. Fihom *(fiż-żewġ Ġonna)* jinsabu nisa li jgħakksu għajnejhom *(u jħarsu biss lejn żwieġhom)*, u li, qabilhom, ma messhom la bniedem u lanqas *ġinn*.
57. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
58. *(Dawk in-nisa sbieħ)* bħall-ġjaċint u l-qroll.
59. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
60. Jaqaw il-ħlas tat-tjieba ma huwiex it-tjieba?
61. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
62. Inqas minn dawn it-tnejn, hemm żewġ Ġonna *(oħra)*.
63. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
64. Jagħtu fl-iswed *(daqskemm hemm ħdura u siġar fihom)*.
65. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
66. Fihom it-tnejn hemm żewġ għejun ta' ilma jgelgel kotran.
67. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?

فِيهِمَا فَٰكِهَةٌ وَنَخْلٌ وَرُمَّانٌ ﴿68﴾ فَبِأَيِّ ءَالَآءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿69﴾
فِيهِنَّ خَيْرَٰتٌ حِسَانٌ ﴿70﴾ فَبِأَيِّ ءَالَآءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿71﴾ حُورٌ
مَّقْصُورَٰتٌ فِي ٱلْخِيَامِ ﴿72﴾ فَبِأَيِّ ءَالَآءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿73﴾
لَمْ يَطْمِثْهُنَّ إِنسٌ قَبْلَهُمْ وَلَا جَآنٌّ ﴿74﴾ فَبِأَيِّ ءَالَآءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ
﴿75﴾ مُتَّكِـِٔينَ عَلَىٰ رَفْرَفٍ خُضْرٍ وَعَبْقَرِيٍّ حِسَانٍ ﴿76﴾ فَبِأَيِّ
ءَالَآءِ رَبِّكُمَا تُكَذِّبَانِ ﴿77﴾ تَبَٰرَكَ ٱسْمُ رَبِّكَ ذِي ٱلْجَلَٰلِ وَٱلْإِكْرَامِ ﴿78﴾

سُورَةُ الْوَاقِعَةِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

ربع الحزب 54

إِذَا وَقَعَتِ ٱلْوَاقِعَةُ ﴿1﴾ لَيْسَ لِوَقْعَتِهَا كَاذِبَةٌ ﴿2﴾ خَافِضَةٌ رَّافِعَةٌ
﴿3﴾ إِذَا رُجَّتِ ٱلْأَرْضُ رَجًّا ﴿4﴾ وَبُسَّتِ ٱلْجِبَالُ بَسًّا ﴿5﴾
فَكَانَتْ هَبَآءً مُّنۢبَثًّا ﴿6﴾ وَكُنتُمْ أَزْوَٰجًا ثَلَٰثَةً ﴿7﴾ فَأَصْحَٰبُ
ٱلْمَيْمَنَةِ مَآ أَصْحَٰبُ ٱلْمَيْمَنَةِ ﴿8﴾ وَأَصْحَٰبُ ٱلْمَشْـَٔمَةِ مَآ أَصْحَٰبُ
ٱلْمَشْـَٔمَةِ ﴿9﴾ وَٱلسَّٰبِقُونَ ٱلسَّٰبِقُونَ ﴿10﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ ٱلْمُقَرَّبُونَ ﴿11﴾
فِي جَنَّٰتِ ٱلنَّعِيمِ ﴿12﴾ ثُلَّةٌ مِّنَ ٱلْأَوَّلِينَ ﴿13﴾ وَقَلِيلٌ مِّنَ ٱلْـَٔاخِرِينَ
﴿14﴾ عَلَىٰ سُرُرٍ مَّوْضُونَةٍ ﴿15﴾ مُّتَّكِـِٔينَ عَلَيْهَا مُتَقَٰبِلِينَ ﴿16﴾

68. Fihom it-tnejn hemm frott, siġar tal-palm u rummien.
69. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
70. Fihom it-tnejn hemm ħwejjeġ tajbin u sbieħ.
71. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
72. Nisa sbieħ b'għajnejn kbar *(imsejħa ħūr)* miżmuma fit-tined kbar.
73. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
74. Qabilhom *(qabel żwieġhom)* ma messhom la bniedem u lanqas *ġinn*.
75. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
76. Mimdudin *(il-ġusti)* fuq imħaded ħodor u twapet ħoxnin, sbieħ.
77. Mela liema għotjiet ta' Sidkom tgiddbu?
78. Mbierek Isem Sidek, li tiegħu hi l-glorja u l-ġieħ.

56. *Sūratu l-Wāqigħa*

(Suret il-Ġrajja – Niżlet f'Mekka b'96 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Meta l-Ġrajja *(ta' Jum il-Qawmien)* isseħħ -
2. u ħadd ma jista' jgiddeb meta sseħħ -
3. li tniżżel *(lil uħud fl-Infern)* u tgħolli *(ohrajn fil-Ġenna)*,
4. meta l-art titheżżeż sewwa,
5. u l-iġbla jitfarrku,
6. u jsiru għabra mxerrda *(mar-riħ)*;
7. *(dakinhar)* tkunu tliet ġemgħat *(dawk li jiġu l-ewwel fl-għemejjel tajba, imbagħad nies il-lemin, jiġifieri l-bqija tan-nies li jidħlu l-Ġenna, u nies ix-xellug li jmorru l-Infern)*.
8. Nies il-lemin – *(taf xejn)* min huma nies il-lemin?
9. U nies ix-xellug – *(taf xejn)* min huma nies ix-xellug?
10. U dawk li jisbqu *(lil kulħadd fl-għemejjel tajba)* ikunu dawk li jisbqu *(lil kulħadd fit-tgawdija fil-Ġenna)*.
11. Dawk huma li jitqarrbu *(lejn Alla)*
12. fil-Ġonna ta' l-hena;
13. *(ta' l-ewwel ikunu)* ġemgħa kbira mill-*(ġnus)* tal-qedem,
14. u ftit mill-*(ġnus)* ta' l-aħħar *(li ġew wara)*.
15. Fuq divani *(jitqiegħdu)* minsuġa *(bid-deheb u bil-ħaġar prezzjuż)*,
16. mimdudin fuqhom, quddiem xulxin,

يَطُوفُ عَلَيْهِمْ وِلْدَٰنٌ مُّخَلَّدُونَ ﴿17﴾ بِأَكْوَابٍ وَأَبَارِيقَ وَكَأْسٍ مِّن مَّعِينٍ
﴿18﴾ لَّا يُصَدَّعُونَ عَنْهَا وَلَا يُنزِفُونَ ﴿19﴾ وَفَٰكِهَةٍ مِّمَّا يَتَخَيَّرُونَ
﴿20﴾ وَلَحْمِ طَيْرٍ مِّمَّا يَشْتَهُونَ ﴿21﴾ وَحُورٌ عِينٌ ﴿22﴾ كَأَمْثَٰلِ ٱللُّؤْلُوِ
ٱلْمَكْنُونِ ﴿23﴾ جَزَآءًۢ بِمَا كَانُوا۟ يَعْمَلُونَ ﴿24﴾ لَا يَسْمَعُونَ فِيهَا لَغْوًا وَلَا
تَأْثِيمًا ﴿25﴾ إِلَّا قِيلًا سَلَٰمًا سَلَٰمًا ﴿26﴾ وَأَصْحَٰبُ ٱلْيَمِينِ مَآ أَصْحَٰبُ
ٱلْيَمِينِ ﴿27﴾ فِى سِدْرٍ مَّخْضُودٍ ﴿28﴾ وَطَلْحٍ مَّنضُودٍ ﴿29﴾ وَظِلٍّ مَّمْدُودٍ
﴿30﴾ وَمَآءٍ مَّسْكُوبٍ ﴿31﴾ وَفَٰكِهَةٍ كَثِيرَةٍ ﴿32﴾ لَّا مَقْطُوعَةٍ وَلَا
مَمْنُوعَةٍ ﴿33﴾ وَفُرُشٍ مَّرْفُوعَةٍ ﴿34﴾ إِنَّآ أَنشَأْنَٰهُنَّ إِنشَآءً ﴿35﴾ فَجَعَلْنَٰهُنَّ
أَبْكَارًا ﴿36﴾ عُرُبًا أَتْرَابًا ﴿37﴾ لِّأَصْحَٰبِ ٱلْيَمِينِ ﴿38﴾ ثُلَّةٌ مِّنَ
ٱلْأَوَّلِينَ ﴿39﴾ وَثُلَّةٌ مِّنَ ٱلْءَاخِرِينَ ﴿40﴾ وَأَصْحَٰبُ ٱلشِّمَالِ مَآ أَصْحَٰبُ
ٱلشِّمَالِ ﴿41﴾ فِى سَمُومٍ وَحَمِيمٍ ﴿42﴾ وَظِلٍّ مِّن يَحْمُومٍ ﴿43﴾ لَّا بَارِدٍ
وَلَا كَرِيمٍ ﴿44﴾ إِنَّهُمْ كَانُوا۟ قَبْلَ ذَٰلِكَ مُتْرَفِينَ ﴿45﴾ وَكَانُوا۟ يُصِرُّونَ
عَلَى ٱلْحِنثِ ٱلْعَظِيمِ ﴿46﴾ وَكَانُوا۟ يَقُولُونَ أَئِذَا مِتْنَا وَكُنَّا تُرَابًا
وَعِظَٰمًا أَءِنَّا لَمَبْعُوثُونَ ﴿47﴾ أَوَءَابَآؤُنَا ٱلْأَوَّلُونَ ﴿48﴾ قُلْ إِنَّ
ٱلْأَوَّلِينَ وَٱلْءَاخِرِينَ ﴿49﴾ لَمَجْمُوعُونَ إِلَىٰ مِيقَٰتِ يَوْمٍ مَّعْلُومٍ ﴿50﴾

17. u jduru magħhom *(biex jaqduhom)* żgħażagħ subien li qatt ma
jmutu,
18. bi bwieqi, buqari u tazza *(bl-iffen inbid miġjub)* minn għajn
(mill-għejun kotrana tal-Ġenna);
19. la tuġagħhom rashom bih u lanqas jiskru.
20. U *(jkollhom)* frott *(kotran)*, minn kulma jagħżlu,
21. u laħam it-tajr, minn kulma jixtiequ,
22. u nisa sbieħ b'għajnejn kbar,
23. bħall-perli mkennin;
24. *(dan kollu)* bi ħlas ta' dak *(il-ġid)* li kienu jagħmlu.
25. Fiha *(fil-Ġenna)* la jisimgħu kliem ta' frugħa u lanqas ħtija;
26. *(ma jisimgħux)* għajr il-kliem: sliem *(u aktar)* sliem.
27. U nies il-lemin – *(taf xejn)* min huma nies il-lemin?
28. *(Huma jkunu fid-dell)* f'nofs siġar bla xewk *(u mimli frott)*,
29. u *(taħt)* siġar tal-banana mgħobbija frott,
30. u *(jkunu f')* dell dejjiem,
31. u *(qrib)* ilma jgelgel,
32. u frott kotran,
33. *(li)* la jintemm, u lanqas ikun projbit.
34. U *(jimteddu)* fuq sodod merfugħa.
35. Tabilħaqq li *(lin-nisa tal-Ġenna)* ħlaqniehom bħala ħolqien
(ġdid),
36. u għamilniehom verġni,
37. u jħobbu biss lil żwieġhom, u *(jkunu)* tamparhom;
38. *(nisa safja)* għal nies il-lemin.
39. *(Huma)* ġemgħa kbira mill-*(ġnus)* tal-qedem,
40. u ġemgħa kbira mill-*(ġnus)* ta' l-aħħar *(li ġew wara)*.
41. U nies ix-xellug – *(taf xejn)* min huma nies ix-xellug?
42. *(Dawn)* ikunu f'riħ jaħraq u ilma jagħli,
43. *(u jkunu)* f'dell id-duħħan sewdien,
44. *(dell)* li la hu bierd u lanqas sabiħ.
45. Qabel dak *(il-kastig, meta kienu għadhom fid-dinja)* huma
tabilħaqq kienu fi tgawdija u f'lussu kbir,
46. u kienu jwebbsu rashom fid-dnub il-kbir *(il-paganiżmu)*.
47. Kienu jgħidu: "Jaqaw meta mmutu u nsiru trab u għadam,
tabilħaqq għad nitqajmu mill-mewt,
48. u missirijietna tal-qedem ukoll?"
49. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Tabilħaqq li l-ġnus tal-qedem u
ta' l-aħħar *(li ġew warajhom)*
50. tassew jinġemgħu *(u jitqajmu)* għall-waqt ta' Jum magħruf."

ثُمَّ إِنَّكُمْ أَيُّهَا ٱلضَّآلُّونَ ٱلْمُكَذِّبُونَ ﴿51﴾ لَآكِلُونَ مِن شَجَرٍ مِّن زَقُّومٍ ﴿52﴾
فَمَالِـُٔونَ مِنْهَا ٱلْبُطُونَ ﴿53﴾ فَشَـٰرِبُونَ عَلَيْهِ مِنَ ٱلْحَمِيمِ ﴿54﴾ فَشَـٰرِبُونَ
شُرْبَ ٱلْهِيمِ ﴿55﴾ هَـٰذَا نُزُلُهُمْ يَوْمَ ٱلدِّينِ ﴿56﴾ نَحْنُ خَلَقْنَـٰكُمْ فَلَوْلَا
تُصَدِّقُونَ ﴿57﴾ أَفَرَءَيْتُم مَّا تُمْنُونَ ﴿58﴾ ءَأَنتُمْ تَخْلُقُونَهُۥٓ أَمْ نَحْنُ
ٱلْخَـٰلِقُونَ ﴿59﴾ نَحْنُ قَدَّرْنَا بَيْنَكُمُ ٱلْمَوْتَ وَمَا نَحْنُ بِمَسْبُوقِينَ ﴿60﴾
عَلَىٰٓ أَن نُّبَدِّلَ أَمْثَـٰلَكُمْ وَنُنشِئَكُمْ فِى مَا لَا تَعْلَمُونَ ﴿61﴾ وَلَقَدْ
عَلِمْتُمُ ٱلنَّشْأَةَ ٱلْأُولَىٰ فَلَوْلَا تَذَكَّرُونَ ﴿62﴾ أَفَرَءَيْتُم مَّا تَحْرُثُونَ
﴿63﴾ ءَأَنتُمْ تَزْرَعُونَهُۥٓ أَمْ نَحْنُ ٱلزَّٰرِعُونَ ﴿64﴾ لَوْ نَشَآءُ لَجَعَلْنَـٰهُ
حُطَـٰمًا فَظَلْتُمْ تَفَكَّهُونَ ﴿65﴾ إِنَّا لَمُغْرَمُونَ ﴿66﴾ بَلْ نَحْنُ مَحْرُومُونَ
﴿67﴾ أَفَرَءَيْتُمُ ٱلْمَآءَ ٱلَّذِى تَشْرَبُونَ ﴿68﴾ ءَأَنتُمْ أَنزَلْتُمُوهُ مِنَ ٱلْمُزْنِ
أَمْ نَحْنُ ٱلْمُنزِلُونَ ﴿69﴾ لَوْ نَشَآءُ جَعَلْنَـٰهُ أُجَاجًا فَلَوْلَا تَشْكُرُونَ
﴿70﴾ أَفَرَءَيْتُمُ ٱلنَّارَ ٱلَّتِى تُورُونَ ﴿71﴾ ءَأَنتُمْ أَنشَأْتُمْ شَجَرَتَهَآ أَمْ
نَحْنُ ٱلْمُنشِـُٔونَ ﴿72﴾ نَحْنُ جَعَلْنَـٰهَا تَذْكِرَةً وَمَتَـٰعًا لِّلْمُقْوِينَ
﴿73﴾ فَسَبِّحْ بِٱسْمِ رَبِّكَ ٱلْعَظِيمِ ﴿74﴾ ۞ فَلَآ أُقْسِمُ
بِمَوَٰقِعِ ٱلنُّجُومِ ﴿75﴾ وَإِنَّهُۥ لَقَسَمٌ لَّوْ تَعْلَمُونَ عَظِيمٌ ﴿76﴾

نصف الحزب 54

51. Imbagħad tabilħaqq li intom, ja mitlufin, li giddibtu *(il-qawmien mill-imwiet)*
52. se tieklu minn siġar taż-*żaqqūm (li jikber biss f'qiegħ l-Infern u li l-frott tiegħu huwa wisq ħażin)*,
53. u se timlew żaqqkom bih,
54. u fuqu *(dak l-ikel mis-siġra ħażina)* tixorbu ilma jagħli,
55. u tixorbu *(kemm tifilħu minnu)* bħalma jixrob il-ġemel għatxan!
56. Dan hemm imħejji għalihom f'Jum il-Ħaqq!
57. Aħna ħlaqniekom *(mix-xejn)*. Mela għaliex ma temmnux *(li se nqajmukom għal ħajja ġdida)*?
58. Ħabbruni: dik iż-żerriegħa *(ta' l-isperma)* li xxerrdu *(minn ġisimkom, u minnha jitnisslu l-ulied)*,
59. jaqaw intom toħolquha, jew Aħna l-Ħallieqa?
60. Aħna ordnajna l-mewt fostkom – u ħadd ma jgħaddina *(jew iwaqqafna)* –
61. *(jekk irridu nistgħu neqirdukom)* u nibdlukom b'nies bħalkom, u *(f'Jum il-Qawmien)* nerġgħu nagħmlukom *(ħolqien ġdid)* b'mod li ma tafux.
62. Intom tassew tafu l-ewwel ħolqien. Mela kif ma tiftakrux *(li Alla joħloq ukoll it-tieni ħolqien)*?
63. Ħabbruni: dak li tiżirgħu,
64. jaqaw intom tkabbruh, jew Aħna dawk li nkabbru?
65. Kieku ridna, *(dan il-miżrugħ)* għamilnieh karfa, u kontu tibqgħu tistagħġbu *(u tgħidu)*:
66. "Aħna tassew tellifin!
67. Le, *(mhux biss, anzi)* aħna mċaħħdin!"
68. Ħabbruni: l-ilma li tixorbu,
69. jaqaw intom niżżiltuh mis-sħab, jew Aħna li nniżżluh?
70. Kieku ridna, *(dan l-ilma)* konna nagħmluh mielaħ *(u ma jinxtorobx)*. Mela kif ma tiżżux ħajr?
71. Ħabbruni: in-nar li tkebbsu,
72. jaqaw intom kabbartu s-siġra tiegħu *(biex ikollkom l-injam xi tqabbdu u x'titfgħu fih)*, jew Aħna kabbarnieha?
73. Aħna *(in-nar tad-dinja)* għamilnieh tifkira *(tan-nar ta' l-Infern)*, u kumditá għal dawk li jterrqu u jsiefru.
74. Mela sebbaħ b'Isem Sidek ta' kobor bla tarf!
75. Tabilħaqq naħlef fuq l-imkejjen ta' nżul il-kwiekeb –
76. u *(din)* hija tabilħaqq ħalfa kbira, kieku tafu –

إِنَّهُۥ لَقُرْءَانٌ كَرِيمٌ ﴿77﴾ فِى كِتَٰبٍ مَّكْنُونٍ ﴿78﴾ لَّا يَمَسُّهُۥٓ إِلَّا
ٱلْمُطَهَّرُونَ ﴿79﴾ تَنزِيلٌ مِّن رَّبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿80﴾ أَفَبِهَٰذَا ٱلْحَدِيثِ
أَنتُم مُّدْهِنُونَ ﴿81﴾ وَتَجْعَلُونَ رِزْقَكُمْ أَنَّكُمْ تُكَذِّبُونَ ﴿82﴾ فَلَوْلَآ
إِذَا بَلَغَتِ ٱلْحُلْقُومَ ﴿83﴾ وَأَنتُمْ حِينَئِذٍ تَنظُرُونَ ﴿84﴾ وَنَحْنُ أَقْرَبُ
إِلَيْهِ مِنكُمْ وَلَٰكِن لَّا تُبْصِرُونَ ﴿85﴾ فَلَوْلَآ إِن كُنتُمْ غَيْرَ مَدِينِينَ
﴿86﴾ تَرْجِعُونَهَآ إِن كُنتُمْ صَٰدِقِينَ ﴿87﴾ فَأَمَّآ إِن كَانَ مِنَ ٱلْمُقَرَّبِينَ
﴿88﴾ فَرَوْحٌ وَرَيْحَانٌ وَجَنَّتُ نَعِيمٍ ﴿89﴾ وَأَمَّآ إِن كَانَ مِنْ أَصْحَٰبِ
ٱلْيَمِينِ ﴿90﴾ فَسَلَٰمٌ لَّكَ مِنْ أَصْحَٰبِ ٱلْيَمِينِ ﴿91﴾ وَأَمَّآ إِن كَانَ مِنَ
ٱلْمُكَذِّبِينَ ٱلضَّآلِّينَ ﴿92﴾ فَنُزُلٌ مِّنْ حَمِيمٍ ﴿93﴾ وَتَصْلِيَةُ جَحِيمٍ
﴿94﴾ إِنَّ هَٰذَا لَهُوَ حَقُّ ٱلْيَقِينِ ﴿95﴾ فَسَبِّحْ بِٱسْمِ رَبِّكَ ٱلْعَظِيمِ ﴿96﴾

سُورَةُ الحَدِيدِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

سَبَّحَ لِلَّهِ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ وَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ ﴿1﴾ لَهُۥ مُلْكُ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ يُحْىِۦ وَيُمِيتُ ۖ وَهُوَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ﴿2﴾
هُوَ ٱلْأَوَّلُ وَٱلْءَاخِرُ وَٱلظَّٰهِرُ وَٱلْبَاطِنُ ۖ وَهُوَ بِكُلِّ شَىْءٍ عَلِيمٌ ﴿3﴾

77. li tabilħaqq huwa Qoran ta' ġieħ,
78. *(li jinsab)* fi Ktieb imħares *(għand Alla)*;
79. ma jmissuhx għajr l-imsaffijin;
80. tinżil *(b'Rivelazzjoni)* minn Sid il-ħolqien.
81. Jaqaw intom tgiddbu dan il-kliem *(dwar il-Qoran)*,
82. u tagħmlu l-għajxien tagħkom billi tgiddbu *(il-Qoran, minflok tiżżu ħajr ta' kulma Alla għamel magħkom)*?
83. Mela meta *(ir-ruħ)* tasal sal-gerżuma *(ta' dak li wasal biex imut)*,
84. u intom, dak il-ħin, tkunu qegħdin tħarsu –
85. u Aħna nkunu eqreb lejh minnkom, iżda ma tarawx –
86. jekk intom meħlusin mill-ħaqq, *(kif tgħidu)*,
87. għaliex ma treġġgħuhiex lura *(lir-ruħ tal-mejjet biex ma jsirx ħaqq minnha)*, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa?
88. Mela jekk *(il-mejjet)* ikun minn dawk li tqarrbu *(lejn Alla bl-għemejjel tajba tagħhom)*,
89. *(ikollu)* mistrieħ, ġid u Ġonna ta' hena *(fl-Għeden)*.
90. U jekk ikun minn nies il-lemin,
91. *(jingħad lilu)*: "Sliem lilek minn nies il-lemin!"
92. Iżda jekk ikun minn dawk li giddbu *(is-sewwa)*, il-mitlufin,
93. il-merħba *(li jingħata tkun)* ta' ilma jagħli,
94. u ħruq fin-Nar iħeġġeġ *(ta' l-Infern)*!
95. Tabilħaqq li dan *(kollu li ħabbarnielek, Muħammad)* huwa s-sewwa kollu minnu!
96. Mela sebbaħ Isem Sidek, il-Kbir bla qjies!

57. *Sūratu l-Ħadīd*

(Suret il-Ħadid – Niżlet f'Medina b'29 vers)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Ħanin.

1. Isebbaħ lil Alla kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art, u Huwa l-Qawwi, l-Għaref.
2. Tiegħu hija s-saltna tas-smewwiet u ta' l-art; jagħti l-ħajja u jagħti l-mewt, u Huwa fuq kollox Setgħan.
3. Huwa l-Ewwel u l-Aħħar, Dak li jidher u l-Mistur, u Huwa jaf b'kollox.

هُوَ ٱلَّذِى خَلَقَ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضَ فِى سِتَّةِ أَيَّامٍ ثُمَّ ٱسْتَوَىٰ
عَلَى ٱلْعَرْشِ ۚ يَعْلَمُ مَا يَلِجُ فِى ٱلْأَرْضِ وَمَا يَخْرُجُ مِنْهَا وَمَا يَنزِلُ مِنَ
ٱلسَّمَآءِ وَمَا يَعْرُجُ فِيهَا ۖ وَهُوَ مَعَكُمْ أَيْنَ مَا كُنتُمْ ۚ وَٱللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ
بَصِيرٌ ﴿4﴾ لَهُۥ مُلْكُ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۚ وَإِلَى ٱللَّهِ تُرْجَعُ ٱلْأُمُورُ
﴿5﴾ يُولِجُ ٱلَّيْلَ فِى ٱلنَّهَارِ وَيُولِجُ ٱلنَّهَارَ فِى ٱلَّيْلِ ۚ وَهُوَ عَلِيمٌۢ بِذَاتِ
ٱلصُّدُورِ ﴿6﴾ ءَامِنُوا۟ بِٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦ وَأَنفِقُوا۟ مِمَّا جَعَلَكُم
مُّسْتَخْلَفِينَ فِيهِ ۖ فَٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ مِنكُمْ وَأَنفَقُوا۟ لَهُمْ أَجْرٌ كَبِيرٌ ﴿7﴾
وَمَا لَكُمْ لَا تُؤْمِنُونَ بِٱللَّهِ ۙ وَٱلرَّسُولُ يَدْعُوكُمْ لِتُؤْمِنُوا۟ بِرَبِّكُمْ وَقَدْ
أَخَذَ مِيثَٰقَكُمْ إِن كُنتُم مُّؤْمِنِينَ ﴿8﴾ هُوَ ٱلَّذِى يُنَزِّلُ عَلَىٰ عَبْدِهِۦٓ
ءَايَٰتٍۭ بَيِّنَٰتٍ لِّيُخْرِجَكُم مِّنَ ٱلظُّلُمَٰتِ إِلَى ٱلنُّورِ ۚ وَإِنَّ ٱللَّهَ بِكُمْ
لَرَءُوفٌ رَّحِيمٌ ﴿9﴾ وَمَا لَكُمْ أَلَّا تُنفِقُوا۟ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ وَلِلَّهِ مِيرَٰثُ
ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۚ لَا يَسْتَوِى مِنكُم مَّنْ أَنفَقَ مِن قَبْلِ ٱلْفَتْحِ
وَقَٰتَلَ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ أَعْظَمُ دَرَجَةً مِّنَ ٱلَّذِينَ أَنفَقُوا۟ مِنۢ بَعْدُ وَقَٰتَلُوا۟ ۚ
وَكُلًّا وَعَدَ ٱللَّهُ ٱلْحُسْنَىٰ ۚ وَٱللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ خَبِيرٌ ﴿10﴾ مَّن ذَا
ٱلَّذِى يُقْرِضُ ٱللَّهَ قَرْضًا حَسَنًا فَيُضَٰعِفَهُۥ لَهُۥ وَلَهُۥٓ أَجْرٌ كَرِيمٌ ﴿11﴾

4. Huwa li ħalaq is-smewwiet u l-art f'sitt ijiem, imbagħad intasab fuq it-Tron. Huwa jaf b'dak li jinfed l-art u b'dak li joħroġ minnha; b'dak li jinżel mis-sema, u b'dak li jitla' fih. Huwa magħkom kulfejn tkunu. Alla jara sew dak li tagħmlu.
5. Tiegħu hija s-saltna tas-smewwiet u ta' l-art, u kollox jerġa' lura għand Alla *(għall-Ġudizzju tiegħu)*.
6. Huwa jdaħħal il-lejl fin-nhar, u jdaħħal in-nhar fil-lejl. Huwa jaf b'kulma hemm fil-qlub.
7. Emmnu f'Alla u fil-Mibgħut tiegħu u onfqu minn dak *(il-ġid)* li għamilkom werrieta tiegħu. U dawk minnkom li jemmnu u jonfqu *(minn dan il-ġid kif jixraq)* ikollhom ħlas kbir.
8. U x'*(raġuni)* għandkom biex ma temmnux f'Alla meta l-Mibgħut isejħilkom biex temmnu f'Sidkom, u Hu *(Alla)* daħal f'patt magħkom, jekk intom temmnu?
9. Huwa li jniżżel fuq il-qaddej tiegħu versi ċari biex joħroġkom mid-dalmiet għad-dawl. Alla tabilħaqq Kollu Tjubija magħkom, Ħanin.
10. U x'*(raġuni)* għandkom biex ma tonfqux għal Alla, meta ta' Alla huwa l-wirt tas-smewwiet u ta' l-art? Dawk minnkom li nefqu, qabel ir-rebħa *(il-kbira tal-Misilmin f'Mekka)* u tqabdu *(għal Alla)*, ma humiex daqs *(dawk li nefqu minn ġidhom u tqabdu għal Alla wara r-rebħa ta' Mekka)*. Dawk *(ta' l-ewwel)* huma fi grad ogħla minn dawk li nefqu u tqabdu *(għal Alla)* wara *(ir-rebħa)*. Alla lil kulħadd wiegħed l-aħjar ħlas *(fil-Ġenna)*. Alla jaf sew b'dak li tagħmlu.
11. Min hu dak li jsellef lil Alla self tajjeb? Hu jkattarhulu bil-bosta u jkollu ħlas tajjeb u kotran.

يَوْمَ تَرَى ٱلْمُؤْمِنِينَ وَٱلْمُؤْمِنَٰتِ يَسْعَىٰ نُورُهُم بَيْنَ أَيْدِيهِمْ وَبِأَيْمَٰنِهِم
بُشْرَىٰكُمُ ٱلْيَوْمَ جَنَّٰتٌ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ خَٰلِدِينَ فِيهَا ۚ ذَٰلِكَ
هُوَ ٱلْفَوْزُ ٱلْعَظِيمُ ﴿12﴾ يَوْمَ يَقُولُ ٱلْمُنَٰفِقُونَ وَٱلْمُنَٰفِقَٰتُ لِلَّذِينَ
ءَامَنُوا۟ ٱنظُرُونَا نَقْتَبِسْ مِن نُّورِكُمْ قِيلَ ٱرْجِعُوا۟ وَرَآءَكُمْ فَٱلْتَمِسُوا۟ نُورًا
فَضُرِبَ بَيْنَهُم بِسُورٍ لَّهُۥ بَابٌۢ بَاطِنُهُۥ فِيهِ ٱلرَّحْمَةُ وَظَٰهِرُهُۥ مِن قِبَلِهِ
ٱلْعَذَابُ ﴿13﴾ يُنَادُونَهُمْ أَلَمْ نَكُن مَّعَكُمْ ۖ قَالُوا۟ بَلَىٰ وَلَٰكِنَّكُمْ فَتَنتُمْ
أَنفُسَكُمْ وَتَرَبَّصْتُمْ وَٱرْتَبْتُمْ وَغَرَّتْكُمُ ٱلْأَمَانِىُّ حَتَّىٰ جَآءَ أَمْرُ
ٱللَّهِ وَغَرَّكُم بِٱللَّهِ ٱلْغَرُورُ ﴿14﴾ فَٱلْيَوْمَ لَا يُؤْخَذُ مِنكُمْ فِدْيَةٌ وَلَا
مِنَ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ ۚ مَأْوَىٰكُمُ ٱلنَّارُ ۖ هِىَ مَوْلَىٰكُمْ ۖ وَبِئْسَ ٱلْمَصِيرُ
﴿15﴾ ۞ أَلَمْ يَأْنِ لِلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ أَن تَخْشَعَ قُلُوبُهُمْ لِذِكْرِ ٱللَّهِ
وَمَا نَزَلَ مِنَ ٱلْحَقِّ وَلَا يَكُونُوا۟ كَٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْكِتَٰبَ مِن قَبْلُ
فَطَالَ عَلَيْهِمُ ٱلْأَمَدُ فَقَسَتْ قُلُوبُهُمْ ۖ وَكَثِيرٌ مِّنْهُمْ فَٰسِقُونَ ﴿16﴾
ٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّ ٱللَّهَ يُحْىِ ٱلْأَرْضَ بَعْدَ مَوْتِهَا ۚ قَدْ بَيَّنَّا لَكُمُ ٱلْءَايَٰتِ
لَعَلَّكُمْ تَعْقِلُونَ ﴿17﴾ إِنَّ ٱلْمُصَّدِّقِينَ وَٱلْمُصَّدِّقَٰتِ وَأَقْرَضُوا۟
ٱللَّهَ قَرْضًا حَسَنًا يُضَٰعَفُ لَهُمْ وَلَهُمْ أَجْرٌ كَرِيمٌ ﴿18﴾

ثلاثة أرباع الحزب 54

12. Fil-Jum meta tara *(Muħammad)* lil dawk l-irġiel u n-nisa li jemmnu, bid-dawl ħiereġ quddiemhom u fuq il-leminija tagħhom, *(jingħad lilhom)*: "*(Din hija)* il-bxara t-tajba għalikom illum: Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom tgħammru għal dejjem. Dik tkun ir-rebħa l-kbira!"
13. Fil-Jum *(tal-Ġudizzju)* meta dawk l-irġiel u n-nisa ta' wiċċ b'ieħor jgħidu lil dawk li jemmnu: "Stennew*(na)*, biex nieħdu mid-dawl tagħkom *(ħalli naraw fejn sejrin)*," jingħad *(lilhom)*: "Erġgħu lura *(fid-dinja, jekk għandkom il-ħila)* u fittxu dawl *(imma issa tard wisq)*!" U jqum bejnhom *(bejn dawk li jemmnu u dawk ta' wiċċ b'ieħor)* sur li jkollu bieb: minn ġewwa *(in-naħa ta' dawk li jemmnu)* fih il-ħniena, u minn barra *(in-naħa ta' dawk ta' wiċċ b'ieħor)*, quddiemu *(hemm)* il-kastig.
14. Isejħulhom *(ta' wiċċ b'ieħor lil dawk li jemmnu, u jgħidulhom)*: "Mela ma konniex magħkom *(fid-dinja u għamilna bħalkom)*?" Jgħidulhom: "Mela, iżda intom ġarrabtu lilkom infuskom *(bil-wiċċ b'ieħor tagħkom)* u qgħadtu tistennew u tiddubitaw. U x-xewqat daħku bikom, sa ma ġie l-amar ta' Alla *(il-mewt)*, u *(ix-Xitan)* il-qarrieq daħak bikom dwar Alla *(għaliex daħħlilkom f'raskom li, fit-tjieba kbira tiegħu Alla ma huwiex se jikkastigakom)*."
15. Għalhekk illum ma tittieħed minnkom ebda fidwa, u lanqas minn dawk li m'emmnux. Il-kenn tagħkom huwa n-Nar: huwa jieħu ħsiebkom, u *(dak ikun tassew)* tmiem mill-aħar.
16. Jaqaw ma wasalx il-ħin għal dawk li jemmnu biex qlubhom joqogħdu għat-tifkira ta' Alla u għas-sewwa li niżel *(fil-Qoran)*, biex ma jkunux bħal dawk li, qabel, kienu ngħataw il-Ktieb, iżda għadda żmien twil minn fuqhom u qlubhom ibbiesu? Ħafna minnhom huma ħżiena.
17. Kunu afu li Alla jagħti l-ħajja lill-art wara mewtha. Aħna tassew urejniekom biċ-ċar is-sinjali *(tagħna)* biex forsi tifhmu!
18. Tabilħaqq li dawk l-irġiel u n-nisa li jagħtu l-karità u jsellfu lil Alla self tajjeb, Huwa jkattrilhom *(il-premju)* u jkollhom ħlas tajjeb u kotran.

وَالَّذِينَ ءَامَنُوا۟ بِاللَّهِ وَرُسُلِهِۦٓ أُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ الصِّدِّيقُونَ ۖ وَالشُّهَدَآءُ
عِندَ رَبِّهِمْ لَهُمْ أَجْرُهُمْ وَنُورُهُمْ ۖ وَالَّذِينَ كَفَرُوا۟ وَكَذَّبُوا۟
بِـَٔايَٰتِنَآ أُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلْجَحِيمِ ﴿19﴾ ٱعْلَمُوٓا۟ أَنَّمَا ٱلْحَيَوٰةُ
ٱلدُّنْيَا لَعِبٌ وَلَهْوٌ وَزِينَةٌ وَتَفَاخُرٌۢ بَيْنَكُمْ وَتَكَاثُرٌ فِى ٱلْأَمْوَٰلِ
وَٱلْأَوْلَٰدِ ۖ كَمَثَلِ غَيْثٍ أَعْجَبَ ٱلْكُفَّارَ نَبَاتُهُۥ ثُمَّ يَهِيجُ فَتَرَىٰهُ
مُصْفَرًّا ثُمَّ يَكُونُ حُطَٰمًا ۖ وَفِى ٱلْءَاخِرَةِ عَذَابٌ شَدِيدٌ وَمَغْفِرَةٌ
مِّنَ ٱللَّهِ وَرِضْوَٰنٌ ۚ وَمَا ٱلْحَيَوٰةُ ٱلدُّنْيَآ إِلَّا مَتَٰعُ ٱلْغُرُورِ ﴿20﴾
سَابِقُوٓا۟ إِلَىٰ مَغْفِرَةٍ مِّن رَّبِّكُمْ وَجَنَّةٍ عَرْضُهَا كَعَرْضِ ٱلسَّمَآءِ
وَٱلْأَرْضِ أُعِدَّتْ لِلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ بِاللَّهِ وَرُسُلِهِۦ ۚ ذَٰلِكَ فَضْلُ
ٱللَّهِ يُؤْتِيهِ مَن يَشَآءُ ۚ وَٱللَّهُ ذُو ٱلْفَضْلِ ٱلْعَظِيمِ ﴿21﴾ مَآ أَصَابَ
مِن مُّصِيبَةٍ فِى ٱلْأَرْضِ وَلَا فِىٓ أَنفُسِكُمْ إِلَّا فِى كِتَٰبٍ
مِّن قَبْلِ أَن نَّبْرَأَهَآ ۚ إِنَّ ذَٰلِكَ عَلَى ٱللَّهِ يَسِيرٌ ﴿22﴾ لِّكَيْلَا
تَأْسَوْا۟ عَلَىٰ مَا فَاتَكُمْ وَلَا تَفْرَحُوا۟ بِمَآ ءَاتَىٰكُمْ ۗ وَٱللَّهُ
لَا يُحِبُّ كُلَّ مُخْتَالٍ فَخُورٍ ﴿23﴾ ٱلَّذِينَ يَبْخَلُونَ وَيَأْمُرُونَ
ٱلنَّاسَ بِٱلْبُخْلِ ۗ وَمَن يَتَوَلَّ فَإِنَّ ٱللَّهَ هُوَ ٱلْغَنِىُّ ٱلْحَمِيدُ ﴿24﴾

19. U dawk li jemmnu f'Alla u fil-Mibgħut tiegħu, dawk huma l-fidili u x-xhieda quddiem Sidhom. Huma jkollhom il-ħlas tagħhom u d-dawl tagħhom. Iżda dawk li jgiddbu r-Rivelazzjoni u s-sinjali tagħna, dawk huma nies in-Nar iħeġġeġ.

20. Kunu afu li l-ħajja *(f'din)* id-dinja ma hijiex għajr logħob, mogħdija ta' żmien, tiżjin, ftaħir bejnietkom u tkattir tal-ġid u ta' l-ulied. *(Dan)* bħal xita qawwija li x-xitel *(li jinbet minnha)* jogħġob lill-bdiewa. Imbagħad jinxef, u tarah musfar, u wara jsir karfa. U fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)* hemm kastig qalil *(għall-ħżiena)* u maħfra minn Alla u għaxqa *(għat-tajbin)*. U l-ħajja *(f'din)* id-dinja ma hijiex għajr tgawdija qarrieqa.

21. Tellqu bejnietkom *(u għaġġlu)* lejn il-maħfra minn Sidkom u lejn Ġenna li l-wisa' tagħha huwa daqs il-wisa' tas-sema u ta' l-art; hija tħejjiet għal dawk li jemmnu f'Alla u fil-Mibgħutin tiegħu. Dik hija t-tjieba ta' Alla li jagħtiha lil min irid. Alla huwa ta' tjieba mill-akbar.

22. Ma jiġrix xi għawġ fl-art *(bħal theżżiżiet, ġuħ, u nixfa)*, jew fikom infuskom *(mard u faqar)* li ma huwiex *(miktub)* fi ktieb, sa minn qabel ma noħolquh. Dan tabilħaqq ħafif għal Alla –

23. biex la titnikktu għal dak li naqaskom, u lanqas tifirħu b'dak *(il-ġid)* li ġiekom *(fid-dinja)*. Alla ma jħobb ebda mkabbar li kollu ftaħir bih innifsu,

24. *(li jkun bħal)* dawk li jixxaħħu *(u ma jonfqux minn ġidhom għal Alla)*, u jordnaw ix-xeħħa lin-nies. U min jagħti dahru *(u ma jagħtix kas tal-kawża ta' Alla, għandu jkun jaf li)* Alla tabilħaqq huwa l-Għani li jistħoqq kull tifħir.

لَقَدْ أَرْسَلْنَا رُسُلَنَا بِالْبَيِّنَاتِ وَأَنزَلْنَا مَعَهُمُ الْكِتَابَ
وَالْمِيزَانَ لِيَقُومَ النَّاسُ بِالْقِسْطِ ۖ وَأَنزَلْنَا الْحَدِيدَ فِيهِ
بَأْسٌ شَدِيدٌ وَمَنَافِعُ لِلنَّاسِ وَلِيَعْلَمَ اللَّهُ مَن يَنصُرُهُ وَرُسُلَهُ
بِالْغَيْبِ ۚ إِنَّ اللَّهَ قَوِيٌّ عَزِيزٌ ﴿25﴾ وَلَقَدْ أَرْسَلْنَا نُوحًا وَإِبْرَاهِيمَ
وَجَعَلْنَا فِي ذُرِّيَّتِهِمَا النُّبُوَّةَ وَالْكِتَابَ ۖ فَمِنْهُم مُّهْتَدٍ
وَكَثِيرٌ مِّنْهُمْ فَاسِقُونَ ﴿26﴾ ثُمَّ قَفَّيْنَا عَلَىٰ آثَارِهِم
بِرُسُلِنَا وَقَفَّيْنَا بِعِيسَى ابْنِ مَرْيَمَ وَآتَيْنَاهُ الْإِنجِيلَ
وَجَعَلْنَا فِي قُلُوبِ الَّذِينَ اتَّبَعُوهُ رَأْفَةً وَرَحْمَةً وَرَهْبَانِيَّةً
ابْتَدَعُوهَا مَا كَتَبْنَاهَا عَلَيْهِمْ إِلَّا ابْتِغَاءَ رِضْوَانِ اللَّهِ فَمَا
رَعَوْهَا حَقَّ رِعَايَتِهَا ۖ فَآتَيْنَا الَّذِينَ آمَنُوا مِنْهُمْ أَجْرَهُمْ ۖ
وَكَثِيرٌ مِّنْهُمْ فَاسِقُونَ ﴿27﴾ يَا أَيُّهَا الَّذِينَ آمَنُوا اتَّقُوا اللَّهَ
وَآمِنُوا بِرَسُولِهِ يُؤْتِكُمْ كِفْلَيْنِ مِن رَّحْمَتِهِ وَيَجْعَل لَّكُمْ
نُورًا تَمْشُونَ بِهِ وَيَغْفِرْ لَكُمْ ۚ وَاللَّهُ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿28﴾ لِّئَلَّا يَعْلَمَ
أَهْلُ الْكِتَابِ أَلَّا يَقْدِرُونَ عَلَىٰ شَيْءٍ مِّن فَضْلِ اللَّهِ وَأَنَّ
الْفَضْلَ بِيَدِ اللَّهِ يُؤْتِيهِ مَن يَشَاءُ ۚ وَاللَّهُ ذُو الْفَضْلِ الْعَظِيمِ ﴿29﴾

25. Aħna tassew bgħatna lill-Mibgħutin tagħna bis-sinjali ċ-ċari, u niżżilna magħhom il-Ktieb u l-miżien, biex innies jimxu bil-ħaqq. U ħlaqna l-ħadid li fih qilla kbira *(għaliex jintuża fil-gwerer)* u fejdiet għan-nies *(għaliex minnu jagħmlu l-għodod, u ħlaqnieh biex dawk li jemmnu jużawh biex jagħmlu ġustizzja)*, u biex *(b'hekk)* Alla jkun jaf min jieqaf miegħu u mal-Mibgħutin tiegħu fis-satra. Alla tabilħaqq Qawwi, Felħan.

26. Aħna tassew bgħatna lil Noè u lil Abraham, u għamilna l-profezija u l-Ktieb f'nisilhom it-tnejn. Hemm minnhom li jinsabu fit-triq it-tajba, u ħafna minnhom huma ħżiena.

27. Imbagħad bgħatna lill-Mibgħutin tagħna fil-passi tagħhom, u bgħatna lil Ġesù bin Marija u tajnieh l-Evanġelju. U fi qlub dawk li mxew warajh għamilna l-mogħdrija u l-ħniena, iżda l-monastiċiżmu huma vvintawh, u ma ktibnihulhomx – *(ma kellhomx)* ħlief ifittxu l-għaxqa ta' Alla, u ma ħarsuhiex kif kellhom iħarsuha. Lil dawk minnhom li emmnu tajniehom ħlashom, u ħafna minnhom huma ħżiena.

28. Intom li temmnu, ibżgħu minn Alla u emmnu fil-Profeta tiegħu. Huwa jagħtikom darbtejn mill-ħniena tiegħu, jagħmlilkom dawl li timxu fih, u jaħfrilkom. Alla huwa Kollu Maħfra, Ħanin,

29. biex Nies il-Ktieb ikunu jafu li ma għandhom xejn setgħa fuq it-tjieba ta' Alla, u li t-tjieba tinsab f'idejn Alla. Huwa jagħtiha lil min irid. Alla huwa ta' tjieba mill-akbar.

سورة المجادلة

بسم الله الرحمن الرحيم

الجزء 28
الحزب 55

قد سمع الله قول التي تجادلك في زوجها وتشتكي إلى الله
والله يسمع تحاوركما إن الله سميع بصير ﴿1﴾ الذين يظاهرون
منكم من نسائهم ما هن أمهاتهم إن أمهاتهم إلا اللائي
ولدنهم وإنهم ليقولون منكرا من القول وزورا وإن
الله لعفو غفور ﴿2﴾ والذين يظاهرون من نسائهم ثم يعودون
لما قالوا فتحرير رقبة من قبل أن يتماسا ذلكم توعظون
به والله بما تعملون خبير ﴿3﴾ فمن لم يجد فصيام شهرين
متتابعين من قبل أن يتماسا فمن لم يستطع فإطعام ستين
مسكينا ذلك لتؤمنوا بالله ورسوله وتلك حدود الله
وللكافرين عذاب أليم ﴿4﴾ إن الذين يحادون الله ورسوله كبتوا
كما كبت الذين من قبلهم وقد أنزلنا آيات بينات وللكافرين
عذاب مهين ﴿5﴾ يوم يبعثهم الله جميعا فينبئهم بما
عملوا أحصاه الله ونسوه والله على كل شيء شهيد ﴿6﴾

58. *Sūratu l-Mujādila*

(Suret Dik li Tħaqqaqha – Niżlet f'Medina bi 22 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Alla tassew sema' kliem dik *(Ħawla bint Ṯagħlaba)* li tħaqqaqha miegħek *(Muħammad)* dwar żewġha *('Aws ibn aṣ-Ṣāmit li nfired minnha biż-ẓihār)* u tilmenta ma' Alla *(bil-ħerqa)*. Alla jisma' l-argument tagħkom it-tnejn. Alla tabilħaqq jisma' kollox, u jara kollox!
2. Dawk minnkom li jgħidu lin-nisa tagħhom li huma projbiti għalihom bħal ommijiethom *(meta fil-fatt ma humiex, għandhom jiftakru li)* dawk ma humiex tabilħaqq ommijiethom. Ommijiethom ma humiex għajr dawk li wellduhom. Huma tassew jgħidu kliem mistkerrah u qarrieq. Alla tabilħaqq Kollu Mogħdrija, Kollu Maħfra.
3. U dawk li jgħidu lin-nisa tagħhom li huma projbiti għalihom bħal ommijiethom *(meta fil-fatt ma humiex)*, u mbagħad jibilgħu lura dak li qalu *(u jkunu jixtiequ jerġgħu jibdew ħajja miżżewġa normali man-nisa tagħhom, ikollhom)* jeħilsu lsir qabel ma *(huwa u martu jerġgħu)* imissu lil xulxin. B'dak titwissew! Alla jaf sewwa b'dak li tagħmlu.
4. U min ma jsibx *(ilsir x'jeħles)*, mela *(jeħtieġlu jagħmel)* sawm għal xahrejn wara xulxin, qabel ma *(huwa u martu jerġgħu)* imissu lil xulxin. U min ma jistax *(isum)*, mela *(jeħtieġlu)* jitma' sittin faqir. Dak biex temmnu f'Alla u fil-Mibgħut tiegħu, u dawk huma l-limiti ta' Alla. Għal dawk li ma jemmnux hemm kastig ta' wġigħ.
5. Tabilħaqq li dawk li jeħduha kontra Alla u l-Mibgħut tiegħu jitwaqqgħu fil-baxx, bħalma twaqqgħu fil-baxx dawk ta' qabilhom. Tassew niżżilna versi ċari, u għal dawk li ma jemmnux hemm kastig ta' tkasbir,
6. fil-Jum meta Alla jqajjimhom ilkoll mill-mewt, u jgħarrafhom b'dak li għamlu. Alla niżżlu *(l-għemil ħażin tagħhom fil-ktieb ta' l-għemejjel tagħhom)* u huma nsewh. Alla ta' kollox ix-Xhud.

أَلَمْ تَرَ أَنَّ ٱللَّهَ يَعْلَمُ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِى ٱلْأَرْضِ ۖ مَا يَكُونُ
مِن نَّجْوَىٰ ثَلَٰثَةٍ إِلَّا هُوَ رَابِعُهُمْ وَلَا خَمْسَةٍ إِلَّا هُوَ سَادِسُهُمْ
وَلَآ أَدْنَىٰ مِن ذَٰلِكَ وَلَآ أَكْثَرَ إِلَّا هُوَ مَعَهُمْ أَيْنَ مَا كَانُوا ۖ ثُمَّ يُنَبِّئُهُم
بِمَا عَمِلُوا يَوْمَ ٱلْقِيَٰمَةِ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ بِكُلِّ شَىْءٍ عَلِيمٌ ﴿7﴾ أَلَمْ تَرَ إِلَى ٱلَّذِينَ
نُهُوا عَنِ ٱلنَّجْوَىٰ ثُمَّ يَعُودُونَ لِمَا نُهُوا عَنْهُ وَيَتَنَٰجَوْنَ بِٱلْإِثْمِ
وَٱلْعُدْوَٰنِ وَمَعْصِيَتِ ٱلرَّسُولِ وَإِذَا جَآءُوكَ حَيَّوْكَ بِمَا لَمْ يُحَيِّكَ
بِهِ ٱللَّهُ وَيَقُولُونَ فِىٓ أَنفُسِهِمْ لَوْلَا يُعَذِّبُنَا ٱللَّهُ بِمَا نَقُولُ ۚ حَسْبُهُمْ
جَهَنَّمُ يَصْلَوْنَهَا ۖ فَبِئْسَ ٱلْمَصِيرُ ﴿8﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا إِذَا
تَنَٰجَيْتُمْ فَلَا تَتَنَٰجَوْا بِٱلْإِثْمِ وَٱلْعُدْوَٰنِ وَمَعْصِيَتِ ٱلرَّسُولِ وَتَنَٰجَوْا
بِٱلْبِرِّ وَٱلتَّقْوَىٰ ۖ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ ٱلَّذِىٓ إِلَيْهِ تُحْشَرُونَ ﴿9﴾ إِنَّمَا ٱلنَّجْوَىٰ
مِنَ ٱلشَّيْطَٰنِ لِيَحْزُنَ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَلَيْسَ بِضَآرِّهِمْ شَيْـًٔا
إِلَّا بِإِذْنِ ٱللَّهِ ۚ وَعَلَى ٱللَّهِ فَلْيَتَوَكَّلِ ٱلْمُؤْمِنُونَ ﴿10﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ
ءَامَنُوٓا إِذَا قِيلَ لَكُمْ تَفَسَّحُوا۟ فِى ٱلْمَجَٰلِسِ فَٱفْسَحُوا۟ يَفْسَحِ
ٱللَّهُ لَكُمْ ۖ وَإِذَا قِيلَ ٱنشُزُوا۟ فَٱنشُزُوا۟ يَرْفَعِ ٱللَّهُ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟
مِنكُمْ وَٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْعِلْمَ دَرَجَٰتٍ ۚ وَٱللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ خَبِيرٌ ﴿11﴾

7. Mela ma tarax li Alla jaf b'dak li hemm fis-smewwiet u b'dak li hemm fl-art? Ma hemmx kliem mistur bejn tlieta li Huwa ma jkunx ir-Raba' fosthom, jew *(bejn)* ħamsa, li Hu ma jkunx is-Sitt wieħed, jew inqas minn dak, inkella aktar, li Huwa ma jkunx magħhom, ikunu fejn ikunu. Imbagħad f'Jum il-Qawmien jgħarrafhom b'dak li għamlu. Alla tabilħaqq jaf b'kollox.

8. Mela ma rajtx *(Muħammad)* lil dawk li kien projbit għalihom it-taħdit bil-moħbi? *(Madanakollu)* huma reġgħu lura għal dak li kien projbit għalihom u *(issa qegħdin)* jitkellmu bil-moħbi bil-ħtija, bl-aggressjoni u bid-diżubbidjenza lejn il-Mibgħut? U meta jiġu għandek *(Muħammad)* isellmulek b'dak *(it-tislim stramb)* li Alla ma jsellimlekx bih *(meta, minflok "'as-salāmu għalajka" jgħidulek "'as-sāmu għalajka", jiġifieri "l-mewt tiġi għalik")*, u jgħidu fihom infushom: "Għaliex Alla ma jikkastiganiex ta' dak li ngħidu?" L-Infern biżżejjed għalihom biex jinxtwew *(fih)*, u *(dak ikun tassew)* tmiem mill-agħar.

9. Intom li temmnu, meta titkellmu bil-moħbi, la titkellmux bil-ħtija, bl-aggressjoni u bid-diżubbidjenza lejn il-Mibgħut, iżda tkellmu bit-tjieba u bil-biża' ta' Alla. Ibżgħu minn Alla li għandu għad tinġabru *(fl-Aħħar Jum)*.

10. Il-kliem *(ħażin)* bil-moħbi ma huwiex ħlief mix-Xitan, biex inikket lil dawk li jemmnu. Hu xejn ma jagħmlilhom ħsara, jekk mhux bil-permess ta' Alla. F'idejn Alla għandhom iħallu dawk li jemmnu!

11. Intom li temmnu, meta jingħad lilkom: "Agħmlu l-post *(lil xulxin)* fil-laqgħat," agħmlu l-post; Alla jagħmel post lilkom. U meta jingħad lilkom: "Qumu *(biex tagħmlu post lil ħaddieħor)*," qisu li tqumu. Alla jgħolli fi gradi *(ta' ġieħ)* lil dawk minnkom li jemmnu, u lil dawk li nghataw l-għarfien. Alla jaf sew b'dak li tagħmlu.

يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِذَا نَٰجَيْتُمُ ٱلرَّسُولَ فَقَدِّمُوا۟ بَيْنَ يَدَىْ نَجْوَىٰكُمْ
صَدَقَةً ۚ ذَٰلِكَ خَيْرٌ لَّكُمْ وَأَطْهَرُ ۚ فَإِن لَّمْ تَجِدُوا۟ فَإِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ
(12) ءَأَشْفَقْتُمْ أَن تُقَدِّمُوا۟ بَيْنَ يَدَىْ نَجْوَىٰكُمْ صَدَقَٰتٍ ۚ فَإِذْ لَمْ تَفْعَلُوا۟
وَتَابَ ٱللَّهُ عَلَيْكُمْ فَأَقِيمُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ وَءَاتُوا۟ ٱلزَّكَوٰةَ وَأَطِيعُوا۟ ٱللَّهَ
وَرَسُولَهُۥ ۚ وَٱللَّهُ خَبِيرٌۢ بِمَا تَعْمَلُونَ (13) ۞ أَلَمْ تَرَ إِلَى ٱلَّذِينَ تَوَلَّوْا۟ قَوْمًا
غَضِبَ ٱللَّهُ عَلَيْهِم مَّا هُم مِّنكُمْ وَلَا مِنْهُمْ وَيَحْلِفُونَ عَلَى ٱلْكَذِبِ
وَهُمْ يَعْلَمُونَ (14) أَعَدَّ ٱللَّهُ لَهُمْ عَذَابًا شَدِيدًا ۖ إِنَّهُمْ سَآءَ مَا كَانُوا۟
يَعْمَلُونَ (15) ٱتَّخَذُوٓا۟ أَيْمَٰنَهُمْ جُنَّةً فَصَدُّوا۟ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ فَلَهُمْ
عَذَابٌ مُّهِينٌ (16) لَّن تُغْنِىَ عَنْهُمْ أَمْوَٰلُهُمْ وَلَآ أَوْلَٰدُهُم مِّنَ ٱللَّهِ
شَيْـًٔا ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلنَّارِ ۖ هُمْ فِيهَا خَٰلِدُونَ (17) يَوْمَ يَبْعَثُهُمُ
ٱللَّهُ جَمِيعًا فَيَحْلِفُونَ لَهُۥ كَمَا يَحْلِفُونَ لَكُمْ ۖ وَيَحْسَبُونَ أَنَّهُمْ عَلَىٰ شَىْءٍ ۚ أَلَآ
إِنَّهُمْ هُمُ ٱلْكَٰذِبُونَ (18) ٱسْتَحْوَذَ عَلَيْهِمُ ٱلشَّيْطَٰنُ فَأَنسَىٰهُمْ ذِكْرَ
ٱللَّهِ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ حِزْبُ ٱلشَّيْطَٰنِ ۚ أَلَآ إِنَّ حِزْبَ ٱلشَّيْطَٰنِ هُمُ ٱلْخَٰسِرُونَ
(19) إِنَّ ٱلَّذِينَ يُحَآدُّونَ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥٓ أُو۟لَٰٓئِكَ فِى ٱلْأَذَلِّينَ (20)
كَتَبَ ٱللَّهُ لَأَغْلِبَنَّ أَنَا۠ وَرُسُلِىٓ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ قَوِىٌّ عَزِيزٌ (21)

ربع الحزب 55

12. Intom li temmnu, meta tikkonsultaw lill-Mibgħut, ras imb'ras, qabel it-taħdit privat tagħkom *(miegħu)*, agħtu karità. Dan ikun aħjar għalikom u *(ssiru)* aktar safjin. U jekk ma ssibux *(kif tagħmlu din il-karità, kunu afu li)* Alla tabilħaqq Kollu Maħfra, Ħanin.
13. Jaqaw *(intom li temmnu)* bżajtu tagħtu karità qabel it-taħdit privat tagħkom *(mal-Profeta)*? U billi ma għamiltux *(karità)*, u Alla dar lejkom bil-maħfra *(u wara li sirtu tafu li t-taħdit privat mal-Profeta huwa ħaġa serja ħafna)*, mela *(għallinqas)* agħmlu t-talb, agħtu l-karità *(obbligatorja, iż-żakāt)*, u oqogħdu għal Alla u għall-Mibgħut tiegħu. Alla jaf sewwa b'dak li tagħmlu.
14. Mela ma tarax *(Muħammad)* lil dawk *(ta' wiċċ b'ieħor)* li ssieħbu ma' nies *(il-Lhud)* li Alla għadab għalihom? *(Dawn ta' wiċċ b'ieħor)* ma humiex minnkom *(il-Misilmin)*, u lanqas minnhom *(mil-Lhud)*, u jaħilfu bil-gideb *(u jgħidu: "Fuq Alla, aħna tassew Misilmin!")* u jafu *(li dan ma huwiex minnu)*.
15. Alla ħejja għalihom kastig qalil. Tabilħaqq ħażin dak li kienu jagħmlu!
16. Huma jistkennu wara l-ħalf *(falz)* tagħhom u jżommu *(lil ħaddieħor)* mit-triq ta' Alla. Għalhekk ikollhom kastig ta' tkasbir.
17. Xejn, la ġidhom, u lanqas uliedhom, ma jħarsuhom minn Alla *(u l-kastig tiegħu)*. Dawk huma nies in-Nar; huma fih jgħammru għal dejjem!
18. Fil-Jum meta Alla jqajjimhom ilkoll mill-mewt, huma jaħilfulu bħalma jaħilfulkom *(issa)* u jaħsbu li għandhom xi ħaġa *(li jistgħu joqogħdu fuqha)*. U ara, huma tabilħaqq il-giddibin.
19. Ħakimhom ix-Xitan u nessiehom it-tifkira ta' Alla. Dawk huma l-ġemgħa tax-Xitan. U ara, tabilħaqq li *(dawk ta')* il-ġemgħa tax-Xitan huma t-telliefa!
20. Tabilħaqq li dawk li jeħduha kontra Alla u l-Mibgħut tiegħu jkunu fost l-aktar imkasbrin.
21. Alla kiteb *(dan id-digriet)*: Tassew negħleb *(lill-għedewwa tiegħi)*, Jiena u l-Mibgħutin tiegħi. Alla tabilħaqq huwa Qawwi, Felħan.

لَّا تَجِدُ قَوْمًا يُؤْمِنُونَ بِاللَّهِ وَالْيَوْمِ الْآخِرِ يُوَادُّونَ مَنْ
حَادَّ اللَّهَ وَرَسُولَهُ وَلَوْ كَانُوا آبَاءَهُمْ أَوْ أَبْنَاءَهُمْ
أَوْ إِخْوَانَهُمْ أَوْ عَشِيرَتَهُمْ ۚ أُولَٰئِكَ كَتَبَ فِي قُلُوبِهِمُ
الْإِيمَانَ وَأَيَّدَهُمْ بِرُوحٍ مِنْهُ ۖ وَيُدْخِلُهُمْ جَنَّاتٍ تَجْرِي
مِنْ تَحْتِهَا الْأَنْهَارُ خَالِدِينَ فِيهَا ۚ رَضِيَ اللَّهُ عَنْهُمْ وَرَضُوا
عَنْهُ ۚ أُولَٰئِكَ حِزْبُ اللَّهِ ۚ أَلَا إِنَّ حِزْبَ اللَّهِ هُمُ الْمُفْلِحُونَ ﴿22﴾

سُورَةُ الْحَشْرِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

سَبَّحَ لِلَّهِ مَا فِي السَّمَاوَاتِ وَمَا فِي الْأَرْضِ ۖ وَهُوَ الْعَزِيزُ الْحَكِيمُ
﴿1﴾ هُوَ الَّذِي أَخْرَجَ الَّذِينَ كَفَرُوا مِنْ أَهْلِ الْكِتَابِ مِنْ دِيَارِهِمْ
لِأَوَّلِ الْحَشْرِ ۚ مَا ظَنَنْتُمْ أَنْ يَخْرُجُوا ۖ وَظَنُّوا أَنَّهُمْ مَانِعَتُهُمْ
حُصُونُهُمْ مِنَ اللَّهِ فَأَتَاهُمُ اللَّهُ مِنْ حَيْثُ لَمْ يَحْتَسِبُوا ۖ وَقَذَفَ
فِي قُلُوبِهِمُ الرُّعْبَ ۚ يُخْرِبُونَ بُيُوتَهُمْ بِأَيْدِيهِمْ وَأَيْدِي الْمُؤْمِنِينَ
فَاعْتَبِرُوا يَا أُولِي الْأَبْصَارِ ﴿2﴾ وَلَوْلَا أَنْ كَتَبَ اللَّهُ عَلَيْهِمُ
الْجَلَاءَ لَعَذَّبَهُمْ فِي الدُّنْيَا ۖ وَلَهُمْ فِي الْآخِرَةِ عَذَابُ النَّارِ ﴿3﴾

22. Ma ssibx *(Muħammad)* nies li jemmnu f'Alla u fl-Aħħar Jum li jitħabbu ma' min jeħodha kontra Alla u l-Mibgħut tiegħu, lanqas jekk ikunu missirijiethom jew uliedhom, jew ħuthom, jew nies it-tribù tagħhom. Dawk *(in-nies li jemmnu, Alla)* kiteb it-twemmin fi qlubhom, qawwiehom b'ruħ mingħandu, u jdaħħalhom f'Ġonna *(ta' l-Għeden)* bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom jgħammru għal dejjem. L-għaxqa ta' Alla fuqhom, u l-għaxqa tagħhom fuqu. Dawk huma l-ġemgħa ta' Alla! U ara, tabilħaqq *(dawk ta')* il-ġemgħa ta' Alla huma r-rebbiħin!

59. *Sūratu l-Ħaxr*

(Suret il-Ġabra – Niżlet f'Medina b'24 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Isebbaħ lil Alla kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art! Huwa l-Qawwi, l-Għaref.
2. Huwa li ħareġ minn djarhom lil dawk minn fost Nies il-Ktieb *(il-Lhud tat-tribù Banū n-Naḍīr)* li ma jemmnux, għall-ewwel ġabra *(tagħhom: l-eżilju mill-peniżola Għarbija)*. Ma kontux taħsbu li se joħorġu *(eżiljati minn arthom)*, u *(il-Lhud)* ħasbu li l-fortizzi tagħhom se jħarsuhom minn Alla *(u mill-kastig tiegħu)*. U Alla ġiehom *(għal għarrieda)* minn fejn ma stennewx, u xeħet fi qlubhom il-biża'. Huma għamlu ħerba minn djarhom b'idejhom *(stess, biex il-Misilmin ma jkunux jistgħu jgħammru fihom)*, u b'idejn dawk li jemmnu. Mela ħudu tagħlima, intom li għandkom għajnejn biex taraw *(u tifhmu)*!
3. U kieku Alla ma kitbilhomx *(b'digriet divin)* il-ħruġ, *(xorta waħda)* kien jikkastigahom fid-dinja *(bħalma għamel wara, mal-Lhud ta' Banū Qurajẓa li ttradew lill-Profeta Muħammad, u għalhekk inqatlu mill-Misilmin)*. Fl-Oħra *(fil-Ħajja l-Oħra)* ikollhom kastig in-Nar!

ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمْ شَآقُّوا۟ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ ۖ وَمَن يُشَآقِّ ٱللَّهَ فَإِنَّ ٱللَّهَ شَدِيدُ
ٱلْعِقَابِ ﴿4﴾ مَا قَطَعْتُم مِّن لِّينَةٍ أَوْ تَرَكْتُمُوهَا قَآئِمَةً
عَلَىٰٓ أُصُولِهَا فَبِإِذْنِ ٱللَّهِ وَلِيُخْزِىَ ٱلْفَٰسِقِينَ ﴿5﴾ وَمَآ أَفَآءَ ٱللَّهُ
عَلَىٰ رَسُولِهِۦ مِنْهُمْ فَمَآ أَوْجَفْتُمْ عَلَيْهِ مِنْ خَيْلٍ وَلَا رِكَابٍ
وَلَٰكِنَّ ٱللَّهَ يُسَلِّطُ رُسُلَهُۥ عَلَىٰ مَن يَشَآءُ ۚ وَٱللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ
قَدِيرٌ ﴿6﴾ مَّآ أَفَآءَ ٱللَّهُ عَلَىٰ رَسُولِهِۦ مِنْ أَهْلِ ٱلْقُرَىٰ فَلِلَّهِ وَلِلرَّسُولِ
وَلِذِى ٱلْقُرْبَىٰ وَٱلْيَتَٰمَىٰ وَٱلْمَسَٰكِينِ وَٱبْنِ ٱلسَّبِيلِ كَىْ لَا يَكُونَ
دُولَةًۢ بَيْنَ ٱلْأَغْنِيَآءِ مِنكُمْ ۚ وَمَآ ءَاتَىٰكُمُ ٱلرَّسُولُ فَخُذُوهُ وَمَا
نَهَىٰكُمْ عَنْهُ فَٱنتَهُوا۟ ۚ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ ۖ إِنَّ ٱللَّهَ شَدِيدُ ٱلْعِقَابِ ﴿7﴾
لِلْفُقَرَآءِ ٱلْمُهَٰجِرِينَ ٱلَّذِينَ أُخْرِجُوا۟ مِن دِيَٰرِهِمْ وَأَمْوَٰلِهِمْ
يَبْتَغُونَ فَضْلًا مِّنَ ٱللَّهِ وَرِضْوَٰنًا وَيَنصُرُونَ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ
هُمُ ٱلصَّٰدِقُونَ ﴿8﴾ وَٱلَّذِينَ تَبَوَّءُو ٱلدَّارَ وَٱلْإِيمَٰنَ مِن قَبْلِهِمْ
يُحِبُّونَ مَنْ هَاجَرَ إِلَيْهِمْ وَلَا يَجِدُونَ فِى صُدُورِهِمْ حَاجَةً
مِّمَّآ أُوتُوا۟ وَيُؤْثِرُونَ عَلَىٰٓ أَنفُسِهِمْ وَلَوْ كَانَ بِهِمْ خَصَاصَةٌ ۚ
وَمَن يُوقَ شُحَّ نَفْسِهِۦ فَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْمُفْلِحُونَ ﴿9﴾

4. Dak *(l-eżilju u l-kastig kien jistħoqqilhom)* għaliex huma waqfu lil Alla u lill-Mibgħut tiegħu, u min jieqaf lil Alla, Alla tabilħaqq Qalil fil-kastig *(li jagħtih)*.

5. Dak mis-siġar tal-palm *(ta' Banū n-Naḍīr)* li *(intom il-Misilmin)* taqtgħu *(biex iġġegħluhom joħorġu minn artijiethom)*, jew tħalluhom weqfin fuq għeruqhom, *(ma jseħħx)* jekk mhux bil-permess ta' Alla, u biex ikasbar lill-ħżiena.

6. U dik *(il-priża)* li Alla ta lill-Mibgħut tiegħu *(meħuda)* minnhom *(mil-Lhud tat-tribù ta' Banū n-Naḍīr)*, intom ma qanqaltux la żwiemel u lanqas iġmla għal fuqha, iżda Alla jagħti s-setgħa lill-Mibgħutin tiegħu fuq min irid. Alla fuq kollox Setgħan.

7. U dik *(il-priża)* li Alla ta lill-Mibgħut tiegħu *(meħuda)* minn nies il-bliet *(il-Lhud tat-tribù ta' Banū n-Naḍīr, ta' Banū Qurajẓa, u oħrajn, għandha tmur)* għal Alla u għall-Mibgħut, għall-qraba *(tal-Profeta, għaliex mhux sew li jaqgħu għall-karità)*, għall-iltiema, għall-foqra u għal dawk li jterrqu, biex *(il-ġid)* ma jgħaddix biss bejn l-għonja fostkom *(mingħajr ma jasal għand min tassew jeħtieġu)*. Dak li jagħtikom il-Mibgħut, ħuduh, u dak li jżommkom minnu, iċċaħħdu *(minnu)*, u ibżgħu minn Alla! Alla tabilħaqq Qalil fil-kastig!

8. *(Il-priża maqbuda għandha tmur)* għall-emigranti foqra li nħarġu minn djarhom u mill-propjetà tagħhom, għaliex jittamaw f'tjieba u f'għaxqa minn Alla u jżommu ma' Alla u mal-Mibgħut tiegħu. Dawk huma li jgħidu *(u jagħmlu)* is-sewwa.

9. U dawk li għammru fil-belt *(ta' Medina)* u *(daħlu)* fit-twemmin *(ta' l-Islam)* qabilhom *(qabel ħafna emigranti Misilmin li waslu hemm)* iħobbu *(u jgħinu)* lil min jemigra lejhom, u ma jsibux fi qlubhom għira minħabba dik *(il-priża)* li ngħataw *(l-emigranti Misilmin)*, u jippreferu*(hom)* minnhom infushom, anki jekk huma wkoll jinsabu fil-faqar. U min jitħares mix-xeħħa tiegħu nnifsu, *(nies bħal)* dawk ikunu r-rebbieħa.

وَٱلَّذِينَ جَآءُو مِنۢ بَعۡدِهِمۡ يَقُولُونَ رَبَّنَا ٱغۡفِرۡ لَنَا
وَلِإِخۡوَٰنِنَا ٱلَّذِينَ سَبَقُونَا بِٱلۡإِيمَٰنِ وَلَا تَجۡعَلۡ فِي قُلُوبِنَا
غِلًّا لِّلَّذِينَ ءَامَنُواْ رَبَّنَآ إِنَّكَ رَءُوفٞ رَّحِيمٌ ﴿10﴾ ۞ أَلَمۡ تَرَ إِلَى
ٱلَّذِينَ نَافَقُواْ يَقُولُونَ لِإِخۡوَٰنِهِمُ ٱلَّذِينَ كَفَرُواْ مِنۡ أَهۡلِ
ٱلۡكِتَٰبِ لَئِنۡ أُخۡرِجۡتُمۡ لَنَخۡرُجَنَّ مَعَكُمۡ وَلَا نُطِيعُ فِيكُمۡ
أَحَدًا أَبَدٗا وَإِن قُوتِلۡتُمۡ لَنَنصُرَنَّكُمۡ وَٱللَّهُ يَشۡهَدُ إِنَّهُمۡ لَكَٰذِبُونَ
﴿11﴾ لَئِنۡ أُخۡرِجُواْ لَا يَخۡرُجُونَ مَعَهُمۡ وَلَئِن قُوتِلُواْ لَا يَنصُرُونَهُمۡ
وَلَئِن نَّصَرُوهُمۡ لَيُوَلُّنَّ ٱلۡأَدۡبَٰرَ ثُمَّ لَا يُنصَرُونَ ﴿12﴾
لَأَنتُمۡ أَشَدُّ رَهۡبَةٗ فِي صُدُورِهِم مِّنَ ٱللَّهِۚ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمۡ قَوۡمٞ
لَّا يَفۡقَهُونَ ﴿13﴾ لَا يُقَٰتِلُونَكُمۡ جَمِيعًا إِلَّا فِي قُرٗى
مُّحَصَّنَةٍ أَوۡ مِن وَرَآءِ جُدُرِۭۚ بَأۡسُهُم بَيۡنَهُمۡ شَدِيدٞۚ تَحۡسَبُهُمۡ
جَمِيعٗا وَقُلُوبُهُمۡ شَتَّىٰۚ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمۡ قَوۡمٞ لَّا يَعۡقِلُونَ ﴿14﴾
كَمَثَلِ ٱلَّذِينَ مِن قَبۡلِهِمۡ قَرِيبٗا ذَاقُواْ وَبَالَ أَمۡرِهِمۡ وَلَهُمۡ عَذَابٌ
أَلِيمٞ ﴿15﴾ كَمَثَلِ ٱلشَّيۡطَٰنِ إِذۡ قَالَ لِلۡإِنسَٰنِ ٱكۡفُرۡ فَلَمَّا كَفَرَ
قَالَ إِنِّي بَرِيٓءٞ مِّنكَ إِنِّيٓ أَخَافُ ٱللَّهَ رَبَّ ٱلۡعَٰلَمِينَ ﴿16﴾

نصف الحزب 55

10. U dawk li ġew warajhom jgħidu: "Sidna, aħfer lilna u lil ħutna li waslu qabilna fit-twemmin, u la tqegħidx mibegħda fi qlubna għal dawk li emmnu *(u daħlu fl-Islam)*. Sidna, Inti tabilħaqq kollok tjubija, Ħanin."
11. Mela ma rajtx *(Muħammad)* lil dawk ta' wiċċ b'ieħor *(fost il-Misilmin)* li jgħidu lil ħuthom minn Nies il-Ktieb *(it-tribujiet Lhud ta' Banū n-Naḍīr u Banū Qurajẓa)* li m'emmnux *(fil-missjoni ta' Muħammad)*: "Jekk titkeċċew *(minn Medina)*, aħna żgur li noħorġu magħkom, u qatt ma nobdu *(l-amar)* ta' ħadd dwarkom. U jekk tkunu attakkati *(mill-Misilmin)*, aħna żgur li ngħinukom!" Alla jixhed li huma tabilħaqq giddibin.
12. Jekk *(il-Lhud ta' Medina)* jitkeċċew, *(ta' wiċċ b'ieħor)* ma humiex se joħorġu magħhom, u jekk ikunu attakkati *(mill-Misilmin, ta' wiċċ b'ieħor)* ma humiex se jgħinuhom. U jekk jgħinuhom, żgur li jagħtu daharhom u jaħarbu, u mbagħad *(dawk il-Lhud)* ma jkunux megħjunin.
13. Tabilħaqq li intom *(il-Misilmin tnisslu)* aktar biża' fi qlubhom minn Alla! Dak għaliex huma nies li ma jifhmux *(il-kobor ta' Alla)*.
14. Ma jitqatlux *(il-Lhud)* ilkoll *(kontrikom il-Misilmin)*, ħlief fi bliet b'fortizzi, jew minn wara swar. Il-ġlied ta' bejniethom qalil; taħsibhom xi ġemgħa waħda *(magħquda)*, iżda qlubhom mifrudin. Dak għaliex huma nies li ma jifhmux *(għaliex ma jridux)*.
15. *(Banū n-Naḍīr ġralhom)* bħal dawk *(il-pagani Mekkin u l-Lhud ta' Banū Qajnuqā')* ta' qabilhom, sa ftit ilu: huma daqu l-imrar ta' l-imġiba *(ħażina)* tagħhom *(fit-telfa li ġarrbu)*, u għalihom hemm kastig ta' wġigħ *(fil-Ħajja l-Oħra)*.
16. Bħax-Xitan *(huma dawk ta' wiċċ b'ieħor)*, meta qal lill-bniedem: "Temminx!" U meta *(il-bniedem)* m'emminx, qal*(lu x-Xitan)*: "Jiena ma għandix x'naqsam miegħek! Jiena tabilħaqq nibża' minn Alla Sid il-ħolqien!"

فَكَانَ عَٰقِبَتَهُمَآ أَنَّهُمَا فِى ٱلنَّارِ خَٰلِدَيْنِ فِيهَا ۚ وَذَٰلِكَ جَزَٰٓؤُا۟
ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿17﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ وَلْتَنظُرْ
نَفْسٌ مَّا قَدَّمَتْ لِغَدٍ ۖ وَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ ۚ إِنَّ ٱللَّهَ خَبِيرٌۢ بِمَا تَعْمَلُونَ
﴿18﴾ وَلَا تَكُونُوا۟ كَٱلَّذِينَ نَسُوا۟ ٱللَّهَ فَأَنسَىٰهُمْ أَنفُسَهُمْ ۚ أُو۟لَٰٓئِكَ
هُمُ ٱلْفَٰسِقُونَ ﴿19﴾ لَا يَسْتَوِىٓ أَصْحَٰبُ ٱلنَّارِ وَأَصْحَٰبُ
ٱلْجَنَّةِ ۚ أَصْحَٰبُ ٱلْجَنَّةِ هُمُ ٱلْفَآئِزُونَ ﴿20﴾ لَوْ أَنزَلْنَا هَٰذَا
ٱلْقُرْءَانَ عَلَىٰ جَبَلٍ لَّرَأَيْتَهُۥ خَٰشِعًا مُّتَصَدِّعًا مِّنْ خَشْيَةِ
ٱللَّهِ ۚ وَتِلْكَ ٱلْأَمْثَٰلُ نَضْرِبُهَا لِلنَّاسِ لَعَلَّهُمْ يَتَفَكَّرُونَ
﴿21﴾ هُوَ ٱللَّهُ ٱلَّذِى لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ ۖ عَٰلِمُ ٱلْغَيْبِ وَٱلشَّهَٰدَةِ ۖ
هُوَ ٱلرَّحْمَٰنُ ٱلرَّحِيمُ ﴿22﴾ هُوَ ٱللَّهُ ٱلَّذِى لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ
ٱلْمَلِكُ ٱلْقُدُّوسُ ٱلسَّلَٰمُ ٱلْمُؤْمِنُ ٱلْمُهَيْمِنُ ٱلْعَزِيزُ
ٱلْجَبَّارُ ٱلْمُتَكَبِّرُ ۚ سُبْحَٰنَ ٱللَّهِ عَمَّا يُشْرِكُونَ
﴿23﴾ هُوَ ٱللَّهُ ٱلْخَٰلِقُ ٱلْبَارِئُ ٱلْمُصَوِّرُ ۖ لَهُ ٱلْأَسْمَآءُ ٱلْحُسْنَىٰ ۚ
يُسَبِّحُ لَهُۥ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ ۖ وَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ ﴿24﴾

سورة الممتحنة

17. U t-tmiem tagħhom it-tnejn ikun fin-Nar; fih jgħammru għal dejjem. Dak hu l-ħlas tal-ħżiena.
18. Intom li temmnu, ibżgħu minn Alla! Ħalli tara *(kull)* ruħ x'ħejjiet għal għada! Ibżgħu minn Alla! Alla tabilħaqq jaf sewwa b'dak li tagħmlu.
19. La tkunux bħal dawk li nsew lil Alla, u għalhekk *(Alla)* nessiehom lilhom infushom! Dawk huma l-ħżiena.
20. Ma humiex indaqs nies in-Nar u nies il-Ġenna. Nies il-Ġenna huma r-rebbiħin!
21. Kieku niżżilna dan il-Qoran fuq muntanja, kont taraha umli u mxaqqa bil-biża' ta' Alla. Dawn huma t-tixbihat li nxebbhu għan-nies biex forsi jixtarru *(is-siwi tagħhom)*.
22. Huwa Alla illi ma hemmx alla għajru; jaf dak li ma jidhirx u dak li jidher. Huwa Kollu Ħniena, il-Ħanin.
23. Huwa Alla illi ma hemmx alla għajru; is-Sultan, il-Qaddis, is-Sliem, li jagħti l-ħarsien, l-Għassies, il-Felħan, Dak li jġib kollox taħt idejh, ta' kobor bla qjies. Sebħ lil Alla *(għaliex huwa ogħla)* minn dak li jxierku *(miegħu)*!
24. Huwa Alla l-Ħallieq, li jibda *(il-ħolqien)* mix-xejn; Dak li jsawwar *(kollox)*. Tiegħu l-isbaħ ismijiet. Isebbħu kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art, u Huwa l-Felħan, l-Għaref.

بسم الله الرحمن الرحيم

يَا أَيُّهَا الَّذِينَ آمَنُوا لَا تَتَّخِذُوا عَدُوِّي وَعَدُوَّكُمْ أَوْلِيَاءَ تُلْقُونَ
إِلَيْهِم بِالْمَوَدَّةِ وَقَدْ كَفَرُوا بِمَا جَاءَكُم مِّنَ الْحَقِّ يُخْرِجُونَ الرَّسُولَ
وَإِيَّاكُمْ أَن تُؤْمِنُوا بِاللَّهِ رَبِّكُمْ إِن كُنتُمْ خَرَجْتُمْ جِهَادًا فِي سَبِيلِي
وَابْتِغَاءَ مَرْضَاتِي تُسِرُّونَ إِلَيْهِم بِالْمَوَدَّةِ وَأَنَا أَعْلَمُ بِمَا أَخْفَيْتُمْ
وَمَا أَعْلَنتُمْ وَمَن يَفْعَلْهُ مِنكُمْ فَقَدْ ضَلَّ سَوَاءَ السَّبِيلِ ﴿1﴾ إِن
يَثْقَفُوكُمْ يَكُونُوا لَكُمْ أَعْدَاءً وَيَبْسُطُوا إِلَيْكُمْ أَيْدِيَهُمْ وَأَلْسِنَتَهُم
بِالسُّوءِ وَوَدُّوا لَوْ تَكْفُرُونَ ﴿2﴾ لَن تَنفَعَكُمْ أَرْحَامُكُمْ وَلَا أَوْلَادُكُمْ
يَوْمَ الْقِيَامَةِ يَفْصِلُ بَيْنَكُمْ وَاللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ بَصِيرٌ ﴿3﴾ قَدْ
كَانَتْ لَكُمْ أُسْوَةٌ حَسَنَةٌ فِي إِبْرَاهِيمَ وَالَّذِينَ مَعَهُ إِذْ قَالُوا لِقَوْمِهِمْ
إِنَّا بُرَآءُ مِنكُمْ وَمِمَّا تَعْبُدُونَ مِن دُونِ اللَّهِ كَفَرْنَا بِكُمْ وَبَدَا بَيْنَنَا
وَبَيْنَكُمُ الْعَدَاوَةُ وَالْبَغْضَاءُ أَبَدًا حَتَّىٰ تُؤْمِنُوا بِاللَّهِ وَحْدَهُ إِلَّا
قَوْلَ إِبْرَاهِيمَ لِأَبِيهِ لَأَسْتَغْفِرَنَّ لَكَ وَمَا أَمْلِكُ لَكَ مِنَ اللَّهِ مِن شَيْءٍ
رَّبَّنَا عَلَيْكَ تَوَكَّلْنَا وَإِلَيْكَ أَنَبْنَا وَإِلَيْكَ الْمَصِيرُ ﴿4﴾ رَبَّنَا لَا تَجْعَلْنَا
فِتْنَةً لِّلَّذِينَ كَفَرُوا وَاغْفِرْ لَنَا رَبَّنَا إِنَّكَ أَنتَ الْعَزِيزُ الْحَكِيمُ ﴿5﴾

60. *Sūratu l-Mumtaħana*

(Suret il-Mistħarrġa – Niżlet f'Medina bi 13-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Ħanin.

1. Intom li temmnu, la tiħdux l-għadu tiegħi u l-għadu tagħkom b'alleati, billi tingħataw lilhom bl-imħabba, meta *(tafu li dawn)* ċaħdu dak is-sewwa li ġiekom, u jkeċċu lill-Mibgħut, u lilkom, għaliex temmnu f'Alla Sidkom. Jekk kontu ħriġtu *(titqabdu)* biex tħabirku għalija, u għaliex xtaqtu togħġbuni, *(mela la titħabbux ma' l-għedewwa tiegħi u tagħkom)*. Intom turuhom l-imħabba, bil-moħbi, meta Jiena naf dak li taħbu u dak li turu. U min minnkom jagħmlu *(dan l-għemil)*, ikun ħareġ mit-triq it-tajba.
2. Jekk *(il-pagani)* jaqbdukom, ikunulkom għedewwa u jmiddu idejhom u lsienhom fuqkom, bil-ħażen, u jixtiqukom ma temmnux.
3. Ma humiex ħa jiswewlkom ir-rabtiet ta' qrubija bejnietkom, u lanqas uliedkom. F'Jum il-Qawmien Huwa jifridkom *(u t-tajbin jintbagħtu fil-Ġenna, u l-ħżiena fl-Infern)*. Alla jara sew dak li tagħmlu.
4. Tassew għandkom f'Abraham, u dawk ta' miegħu, mudell sabiħ *(biex timxu fuqu)*, meta qalu lil nieshom: "Aħna ma għandniex x'naqsmu magħkom u ma' dak li tqimu minflok Alla. Aħna ċħadniekom, u dehret bejnna u bejnkom l-ostilità u l-mibegħda, għal dejjem, sa ma temmnu f'Alla waħdu" – ħlief kliem Abraham lil missieru *(il-pagan meta qallu)*: "Tassew se nitlob maħfra għalik *(mingħand Alla)*, għalkemm ma nista' nagħmillek xejn quddiem Alla." *(Abraham u dawk ta' miegħu talbu hekk:)* "Sidna, aħna fik nafdaw, lejk induru bl-indiema, u lejk nerġgħu lura.
5. Sidna, la ġġarrabx bina lil dawk li ċaħdu t-twemmin, u aħfrilna, Sidna. Tabilħaqq li Inti *(waħdek)* il-Felħan, l-Għaref."

ثلاثة أرباع
الحزب
55

لَقَدْ كَانَ لَكُمْ فِيهِمْ أُسْوَةٌ حَسَنَةٌ لِّمَن كَانَ يَرْجُو اللَّهَ وَالْيَوْمَ الْآخِرَ ۚ
وَمَن يَتَوَلَّ فَإِنَّ اللَّهَ هُوَ الْغَنِيُّ الْحَمِيدُ ﴿6﴾ عَسَى اللَّهُ أَن يَجْعَلَ
بَيْنَكُمْ وَبَيْنَ الَّذِينَ عَادَيْتُم مِّنْهُم مَّوَدَّةً ۚ وَاللَّهُ قَدِيرٌ ۚ وَاللَّهُ غَفُورٌ رَّحِيمٌ
﴿7﴾ لَّا يَنْهَاكُمُ اللَّهُ عَنِ الَّذِينَ لَمْ يُقَاتِلُوكُمْ فِي الدِّينِ وَلَمْ يُخْرِجُوكُم
الحزب
مِّن دِيَارِكُمْ أَن تَبَرُّوهُمْ وَتُقْسِطُوا إِلَيْهِمْ ۚ إِنَّ اللَّهَ يُحِبُّ الْمُقْسِطِينَ
﴿8﴾ إِنَّمَا يَنْهَاكُمُ اللَّهُ عَنِ الَّذِينَ قَاتَلُوكُمْ فِي الدِّينِ وَأَخْرَجُوكُم
مِّن دِيَارِكُمْ وَظَاهَرُوا عَلَىٰ إِخْرَاجِكُمْ أَن تَوَلَّوْهُمْ ۚ وَمَن يَتَوَلَّهُمْ فَأُولَٰئِكَ
هُمُ الظَّالِمُونَ ﴿9﴾ يَا أَيُّهَا الَّذِينَ آمَنُوا إِذَا جَاءَكُمُ الْمُؤْمِنَاتُ
مُهَاجِرَاتٍ فَامْتَحِنُوهُنَّ ۖ اللَّهُ أَعْلَمُ بِإِيمَانِهِنَّ ۖ فَإِنْ عَلِمْتُمُوهُنَّ مُؤْمِنَاتٍ
فَلَا تَرْجِعُوهُنَّ إِلَى الْكُفَّارِ ۖ لَا هُنَّ حِلٌّ لَّهُمْ وَلَا هُمْ يَحِلُّونَ لَهُنَّ ۖ وَآتُوهُم
مَّا أَنفَقُوا ۚ وَلَا جُنَاحَ عَلَيْكُمْ أَن تَنكِحُوهُنَّ إِذَا آتَيْتُمُوهُنَّ أُجُورَهُنَّ ۚ
وَلَا تُمْسِكُوا بِعِصَمِ الْكَوَافِرِ وَاسْأَلُوا مَا أَنفَقْتُمْ وَلْيَسْأَلُوا مَا أَنفَقُوا ۚ
ذَٰلِكُمْ حُكْمُ اللَّهِ ۖ يَحْكُمُ بَيْنَكُمْ ۚ وَاللَّهُ عَلِيمٌ حَكِيمٌ ﴿10﴾ وَإِن فَاتَكُمْ
شَيْءٌ مِّنْ أَزْوَاجِكُمْ إِلَى الْكُفَّارِ فَعَاقَبْتُمْ فَآتُوا الَّذِينَ ذَهَبَتْ
أَزْوَاجُهُم مِّثْلَ مَا أَنفَقُوا ۚ وَاتَّقُوا اللَّهَ الَّذِي أَنتُم بِهِ مُؤْمِنُونَ ﴿11﴾

6. Tassew għandkom minnhom *(minn Abraham u ta' miegħu)* mudell sabiħ, għal min ifittex lil Alla u l-Aħħar Jum. U min jagħti dahru *(lis-sewwa, għandu jkun jaf li)* Alla huwa tabilħaqq l-Għani *(li ma jeħtieġ xejn u lil ħadd)*, u jistħoqq kull tifħir.
7. Għandu mnejn Alla jġib l-imħabba bejnkom u bejn dawk minnhom *(il-pagani f'Mekka)* li sirtu għedewwa tagħhom. Alla Setgħan. Alla Kollu Maħfra, Ħanin.
8. Alla ma jżommkomx milli turu tjieba u ġustizzja lejn dawk li la tqatlu kontrikom minħabba d-din, u lanqas keċċewkom minn djarkom. Alla tabilħaqq iħobb lill-ġusti.
9. Alla jżommkom biss milli tissieħbu ma' dawk li tqatlu kontrikom minħabba d-din, keċċewkom minn djarkom, u għenu *(lill-għedewwa tagħkom)* fit-tkeċċija tagħkom. U min jissieħeb magħhom, dawk ikunu l-ħżiena.
10. Intom li temmnu, meta jiġukom *(f'Medina)* in-nisa emigrati *(minn Mekka)* li jemmnu, stħarrġuhom *(dwar it-twemmin li jgħidu li għandhom)*! Alla jaf aktar bit-twemmin tagħhom. U jekk . issibuhom jemmnu *(tassew)*, la treġġgħuhomx lura għand dawk *(żwieġhom f'Mekka)* li ma jemmnux. *(In-nisa li jemmnu)* la jiswew għalihom *(għal żwieġhom il-pagani)*, u lanqas huma *(l-irġiel pagani)* ma jiswew għalihom *(għan-nisa Misilmin)*. U *(lil żwieġ dawk in-nisa)* agħtuhom dak li nefqu *(għan-nisa tagħhom f'dota)*. Ma jkollkom ebda ħtija jekk tiżżewġuhom, jekk tagħtuhom il-ħlasijiet tagħhom *(tad-dota)*. La żżommux ir-rabtiet *(taż-żwieġ)* man-nisa li ma jemmnux, u itolbu *(mingħand il-pagani)* dak li nfaqtu *(f'dota, meta n-nisa tagħkom imorru għandhom għaliex ma jemmnux)*, u ħalli *(il-pagani)* jitolbu *(mingħandkom)* dak li nefqu *(f'dota, meta n-nisa tagħhom jiġu għandkom għaliex jemmnu)*. Dak huwa l-ħaqq ta' Alla; Huwa jagħmel ħaqq bejnietkom. Alla jaf kollox, u Huwa Għaref.
11. Jekk xi ħadd min-nisa tagħkom *(titlaqkom u)* tmur għand dawk li ma jemmnux, imbagħad tikkastigawhom *(billi tattakkawhom u tieħdu l-priża)*, agħtu *(mill-priża)* lil dawk *(il-Misilmin)* li n-nisa tagħhom telqu*(hom)* daqs kemm nefqu *(f'dota)*. U ibżgħu minn Alla li intom temmnu fih!

يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّبِيُّ إِذَا جَآءَكَ ٱلْمُؤْمِنَٰتُ يُبَايِعْنَكَ عَلَىٰٓ أَن لَّا يُشْرِكْنَ
بِٱللَّهِ شَيْـًٔا وَلَا يَسْرِقْنَ وَلَا يَزْنِينَ وَلَا يَقْتُلْنَ أَوْلَٰدَهُنَّ وَلَا يَأْتِينَ
بِبُهْتَٰنٍ يَفْتَرِينَهُۥ بَيْنَ أَيْدِيهِنَّ وَأَرْجُلِهِنَّ وَلَا يَعْصِينَكَ
فِى مَعْرُوفٍ فَبَايِعْهُنَّ وَٱسْتَغْفِرْ لَهُنَّ ٱللَّهَ إِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ
(12) يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لَا تَتَوَلَّوْا۟ قَوْمًا غَضِبَ ٱللَّهُ عَلَيْهِمْ
قَدْ يَئِسُوا۟ مِنَ ٱلْءَاخِرَةِ كَمَا يَئِسَ ٱلْكُفَّارُ مِنْ أَصْحَٰبِ ٱلْقُبُورِ (13)

سُورَةُ الصَّفِّ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

سَبَّحَ لِلَّهِ مَا فِى ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَمَا فِى ٱلْأَرْضِ ۖ وَهُوَ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ
(1) يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ لِمَ تَقُولُونَ مَا لَا تَفْعَلُونَ (2)
كَبُرَ مَقْتًا عِندَ ٱللَّهِ أَن تَقُولُوا۟ مَا لَا تَفْعَلُونَ (3) إِنَّ
ٱللَّهَ يُحِبُّ ٱلَّذِينَ يُقَٰتِلُونَ فِى سَبِيلِهِۦ صَفًّا كَأَنَّهُم
بُنْيَٰنٌ مَّرْصُوصٌ (4) وَإِذْ قَالَ مُوسَىٰ لِقَوْمِهِۦ يَٰقَوْمِ لِمَ
تُؤْذُونَنِى وَقَد تَّعْلَمُونَ أَنِّى رَسُولُ ٱللَّهِ إِلَيْكُمْ ۖ فَلَمَّا
زَاغُوٓا۟ أَزَاغَ ٱللَّهُ قُلُوبَهُمْ ۚ وَٱللَّهُ لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ ٱلْفَٰسِقِينَ (5)

12. Ja Profeta *(Muħammad)*, meta jiġuk in-nisa li jemmnu u jagħtuk il-wegħda ta' lealtà lejk, li ma jxirkux *(allat oħra)* ma' Alla, u li ma jisirqux, ma jiżnux, ma joqtlux lil uliedhom, ma jaqilgħu ebda gidba minn żniedhom dwar min huwa tassew missier uliedhom *(u jgħidu lil żwieġhom: "Dan ibnek" meta fil-fatt ma jkunx)*, u ma jmorrux kontra r-rieda tiegħek f'dak li hu xieraq, mela ilqa' l-wegħda tagħhom u itlob maħfra għalihom mingħand Alla. Alla tabilħaqq Kollu Maħfra, Ħanin.

13. Intom li temmnu, la tisseħbux ma' nies li Alla għadab għalihom, *(nies)* li qatgħu jieshom mill-*(ħlas tajjeb fil-Ħajja)* l-Oħra, bħalma dawk li ma jemmnux qatgħu jieshom minn nies l-oqbra *(għaliex ma jistennewx li dawn se jitqajmu għal ħajja ġdida)*.

61. *Sūratu ṣ-Ṣaff*

(Suret is-Saff – Niżlet f'Medina b'14-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Isebbaħ lil Alla kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art. Huwa l-Felħan, l-Għaref.
2. Intom li temmnu, għaliex tgħidu dak li ma tagħmlux?
3. Kiber fil-mibegħda *(dan l-għemil tagħkom)* quddiem Alla, li tgħidu dak li ma tagħmlux.
4. Alla tabilħaqq iħobb lil dawk li jitqatlu għalih, saff wieħed, bħallikieku kienu bini marsus *(u mibni fis-sod hekk li xejn ma jegħlbu)*.
5. U *(ftakar, Muħammad)* meta Mosè qal lil niesu: "Ja niesi, għaliex tweġġgħuni, meta tafu li jiena l-Mibgħut ta' Alla għandkom?" U meta ħarġu mit-triq *(it-tajba)*, Alla ħareġ lil qlubhom mit-triq *(it-tajba, u ġew fl-għama)*. Alla ma jurix it-triq it-tajba lin-nies il-ħżiena.

وَإِذْ قَالَ عِيسَى ٱبْنُ مَرْيَمَ يَٰبَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ إِنِّى رَسُولُ ٱللَّهِ إِلَيْكُم مُّصَدِّقًا
لِّمَا بَيْنَ يَدَىَّ مِنَ ٱلتَّوْرَىٰةِ وَمُبَشِّرًۢا بِرَسُولٍ يَأْتِى مِنۢ بَعْدِى ٱسْمُهُۥٓ أَحْمَدُ ۖ فَلَمَّا
جَآءَهُم بِٱلْبَيِّنَٰتِ قَالُوا۟ هَٰذَا سِحْرٌ مُّبِينٌ ﴿6﴾ وَمَنْ أَظْلَمُ مِمَّنِ ٱفْتَرَىٰ
عَلَى ٱللَّهِ ٱلْكَذِبَ وَهُوَ يُدْعَىٰٓ إِلَى ٱلْإِسْلَٰمِ ۚ وَٱللَّهُ لَا يَهْدِى ٱلْقَوْمَ ٱلظَّٰلِمِينَ
﴿7﴾ يُرِيدُونَ لِيُطْفِـُٔوا۟ نُورَ ٱللَّهِ بِأَفْوَٰهِهِمْ وَٱللَّهُ مُتِمُّ نُورِهِۦ وَلَوْ كَرِهَ
ٱلْكَٰفِرُونَ ﴿8﴾ هُوَ ٱلَّذِىٓ أَرْسَلَ رَسُولَهُۥ بِٱلْهُدَىٰ وَدِينِ ٱلْحَقِّ لِيُظْهِرَهُۥ
عَلَى ٱلدِّينِ كُلِّهِۦ وَلَوْ كَرِهَ ٱلْمُشْرِكُونَ ﴿9﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ هَلْ أَدُلُّكُمْ
عَلَىٰ تِجَٰرَةٍ تُنجِيكُم مِّنْ عَذَابٍ أَلِيمٍ ﴿10﴾ تُؤْمِنُونَ بِٱللَّهِ وَرَسُولِهِۦ وَتُجَٰهِدُونَ
فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ بِأَمْوَٰلِكُمْ وَأَنفُسِكُمْ ۚ ذَٰلِكُمْ خَيْرٌ لَّكُمْ إِن كُنتُمْ تَعْلَمُونَ ﴿11﴾
يَغْفِرْ لَكُمْ ذُنُوبَكُمْ وَيُدْخِلْكُمْ جَنَّٰتٍ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ وَمَسَٰكِنَ
طَيِّبَةً فِى جَنَّٰتِ عَدْنٍ ۚ ذَٰلِكَ ٱلْفَوْزُ ٱلْعَظِيمُ ﴿12﴾ وَأُخْرَىٰ تُحِبُّونَهَا ۖ نَصْرٌ
مِّنَ ٱللَّهِ وَفَتْحٌ قَرِيبٌ ۗ وَبَشِّرِ ٱلْمُؤْمِنِينَ ﴿13﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ كُونُوٓا۟
أَنصَارَ ٱللَّهِ كَمَا قَالَ عِيسَى ٱبْنُ مَرْيَمَ لِلْحَوَارِيِّۦنَ مَنْ أَنصَارِىٓ إِلَى ٱللَّهِ ۖ
قَالَ ٱلْحَوَارِيُّونَ نَحْنُ أَنصَارُ ٱللَّهِ ۖ فَـَٔامَنَت طَّآئِفَةٌ مِّنۢ بَنِىٓ إِسْرَٰٓءِيلَ
وَكَفَرَت طَّآئِفَةٌ ۖ فَأَيَّدْنَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ عَلَىٰ عَدُوِّهِمْ فَأَصْبَحُوا۟ ظَٰهِرِينَ ﴿14﴾

6. U *(ftakar ukoll, Muħammad)* meta Ġesù bin Marija qal: "Ja Wlied Israel, jiena l-Mibgħut ta' Alla għandkom, li nseddaq dik it-*Torā* li għandi quddiemi, u li nagħti l-bxara dwar Mibgħut li ġej warajja, jismu 'Aħmad." U meta ġabilhom is-sinjali ċ-ċari *(il-mirakli li kien jagħmel, il-Lhud)* qalu: "Dan seħer fid-dieher!"
7. Min huwa eħżen minn dak li jaqla' l-gideb dwar Alla *(u jgħid li l-Profeta tiegħu huwa saħħar)*, meta huwa msejjaħ lejn l-Islam? Alla ma jurix it-triq it-tajba lin-nies il-ħżiena.
8. Iridu jitfu d-dawl ta' Alla *(li huwa r-reliġjon tiegħu)* b'fommhom, iżda Alla jġib id-dawl tiegħu fil-milja tiegħu, għalkemm dawk li ma jemmnux jistkerrhu *(din il-ħaġa)*.
9. Huwa li bagħat lill-Mibgħut tiegħu bit-tmexxija t-tajba u bid-din tas-sewwa, biex jgħollih fuq id-djien *(l-oħra)* kollha, għalkemm dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla)* jistkerrhu *(din il-ħaġa)*.
10. Intom li temmnu, *(triduni)* inwassalkom għal negozju *(ta' fejda)* li jeħliskom minn kastig qalil?
11. Intom se temmnu f'Alla u fil-Mibgħut tiegħu, u tħabirku u titqabdu għal Alla b'ġidkom u bikom infuskom. Dak ikun aħjar għalikom, li kieku kontu tafu.
12. Huwa jaħfrilkom dnubietkom u jdaħħalkom f'Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u *(jkollkom)* għamajjar tajba fil-Ġonna ta' l-Għeden. Dik hija r-rebħa l-kbira.
13. U *(jagħtikom grazzja)* oħra li intom tħobbu: għajnuna minn Alla u rebħa fil-qrib! Agħti l-bxara t-tajba *(Muħammad)* lil dawk li jemmnu.
14. Intom li temmnu, kunu minn dawk li jieqfu ma' Alla, bħalma qal Ġesù bin Marija lid-dixxipli: "Min huma dawk li jżommu miegħi għal Alla?" Id-dixxipli qalu: "Aħna dawk li nżommu ma' Alla!" Għalhekk ġemgħa minn Ulied Israel emmnet, u ġemgħa *(oħra)* m'emmnitx. Għalhekk saħħaħna lil dawk li emmnu kontra l-għadu tagħhom, *(għelbuh)* u saru minn ta' fuq.

سُورَةُ الجُمُعَةِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

الحزب 56

يُسَبِّحُ لِلَّهِ مَا فِي السَّمَاوَاتِ وَمَا فِي الْأَرْضِ الْمَلِكِ الْقُدُّوسِ الْعَزِيزِ
الْحَكِيمِ ﴿1﴾ هُوَ الَّذِي بَعَثَ فِي الْأُمِّيِّينَ رَسُولًا مِّنْهُمْ يَتْلُوا
عَلَيْهِمْ آيَاتِهِ وَيُزَكِّيهِمْ وَيُعَلِّمُهُمُ الْكِتَابَ وَالْحِكْمَةَ وَإِن كَانُوا
مِن قَبْلُ لَفِي ضَلَالٍ مُّبِينٍ ﴿2﴾ وَآخَرِينَ مِنْهُمْ لَمَّا يَلْحَقُوا بِهِمْ
وَهُوَ الْعَزِيزُ الْحَكِيمُ ﴿3﴾ ذَٰلِكَ فَضْلُ اللَّهِ يُؤْتِيهِ مَن يَشَاءُ وَاللَّهُ
ذُو الْفَضْلِ الْعَظِيمِ ﴿4﴾ مَثَلُ الَّذِينَ حُمِّلُوا التَّوْرَاةَ ثُمَّ لَمْ
يَحْمِلُوهَا كَمَثَلِ الْحِمَارِ يَحْمِلُ أَسْفَارًا بِئْسَ مَثَلُ الْقَوْمِ
الَّذِينَ كَذَّبُوا بِآيَاتِ اللَّهِ وَاللَّهُ لَا يَهْدِي الْقَوْمَ الظَّالِمِينَ ﴿5﴾
قُلْ يَا أَيُّهَا الَّذِينَ هَادُوا إِن زَعَمْتُمْ أَنَّكُمْ أَوْلِيَاءُ لِلَّهِ مِن
دُونِ النَّاسِ فَتَمَنَّوُا الْمَوْتَ إِن كُنتُمْ صَادِقِينَ ﴿6﴾ وَلَا يَتَمَنَّوْنَهُ
أَبَدًا بِمَا قَدَّمَتْ أَيْدِيهِمْ وَاللَّهُ عَلِيمٌ بِالظَّالِمِينَ ﴿7﴾ قُلْ إِنَّ
الْمَوْتَ الَّذِي تَفِرُّونَ مِنْهُ فَإِنَّهُ مُلَاقِيكُمْ ثُمَّ تُرَدُّونَ
إِلَىٰ عَالِمِ الْغَيْبِ وَالشَّهَادَةِ فَيُنَبِّئُكُم بِمَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿8﴾

62. *Sūratu l-Ġumgħa*

(Suret il-Ġimgħa – Niżlet f'Medina bi 11-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Isebbaħ lil Alla kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art; is-Sultan, il-Qaddis, il-Felħan, l-Għaref.
2. Huwa li bagħat fost dawk bla tagħlim Mibgħut minnhom *(Muħammad)* biex jaqralhom il-versi tiegħu, isaffihom *(mid-dnub)* u jgħallimhom il-Ktieb *(tal-Qoran)* u l-għerf, għalkemm qabel kienu tassew f'telfien mill-aktar ċar.
3. *(U Alla bagħat lill-Mibgħut għal nies)* oħrajn minnhom li kienu għadhom ma laħquhomx *(lill-Misilmin ta' żmien Muħammad, għaliex daħlu fl-Islam fis-sekli wara l-missjoni tal-Profeta)*. Huwa l-Felħan, l-Għaref.
4. Dik hija t-tjieba li Alla jagħti lil min irid. Alla huwa ta' tjieba bla qjies.
5. Dawk li tgħabbew bit-*Torā (il-Lhud)*, imbagħad ma ġarrewhiex *(għaliex ma mxewx fuq it-tagħlim tagħha)*, huma bħall-ħmar li jġorr xi kotba. Ta' għajb *(din)* it-tixbiha ta' nies li jgiddbu r-Rivelazzjoni ta' Alla. Alla ma jurix it-triq it-tajba lin-nies il-ħżiena.
6. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Intom ta' din Lhudi, jekk qegħdin tgħidu li intom il-ħbieb ta' Alla, minn fost in-nies, mela xxennqu għall-mewt, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa!"
7. Iżda huma qatt ma jixtiquha *(il-mewt)* minħabba dak li għamlu b'idejhom. Alla jaf kollox dwar dawk li jagħmlu l-ħażen.
8. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Tabilħaqq li l-mewt, li intom taħarbu minnha, ġejja tiltaqa' magħkom, imbagħad tintraddu lura lejn Dak li jaf kull ħaġa li ma tidhirx, u kulma jidher, u jgħarrafkom b'dak li kontu tagħmlu."

يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِذَا نُودِىَ لِلصَّلَوٰةِ مِن يَوْمِ ٱلْجُمُعَةِ
فَٱسْعَوْا۟ إِلَىٰ ذِكْرِ ٱللَّهِ وَذَرُوا۟ ٱلْبَيْعَ ۚ ذَٰلِكُمْ خَيْرٌ لَّكُمْ إِن كُنتُمْ
تَعْلَمُونَ ﴿9﴾ فَإِذَا قُضِيَتِ ٱلصَّلَوٰةُ فَٱنتَشِرُوا۟ فِى ٱلْأَرْضِ
وَٱبْتَغُوا۟ مِن فَضْلِ ٱللَّهِ وَٱذْكُرُوا۟ ٱللَّهَ كَثِيرًا لَّعَلَّكُمْ تُفْلِحُونَ
﴿10﴾ وَإِذَا رَأَوْا۟ تِجَٰرَةً أَوْ لَهْوًا ٱنفَضُّوٓا۟ إِلَيْهَا وَتَرَكُوكَ قَآئِمًا ۚ قُلْ
مَا عِندَ ٱللَّهِ خَيْرٌ مِّنَ ٱللَّهْوِ وَمِنَ ٱلتِّجَٰرَةِ ۚ وَٱللَّهُ خَيْرُ ٱلرَّٰزِقِينَ ﴿11﴾

سُورَةُ الْمُنَافِقُونَ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

إِذَا جَآءَكَ ٱلْمُنَٰفِقُونَ قَالُوا۟ نَشْهَدُ إِنَّكَ لَرَسُولُ ٱللَّهِ ۘ وَٱللَّهُ يَعْلَمُ
إِنَّكَ لَرَسُولُهُۥ ۗ وَٱللَّهُ يَشْهَدُ إِنَّ ٱلْمُنَٰفِقِينَ لَكَٰذِبُونَ ﴿1﴾
ٱتَّخَذُوٓا۟ أَيْمَٰنَهُمْ جُنَّةً فَصَدُّوا۟ عَن سَبِيلِ ٱللَّهِ ۚ إِنَّهُمْ سَآءَ مَا كَانُوا۟
يَعْمَلُونَ ﴿2﴾ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُمْ ءَامَنُوا۟ ثُمَّ كَفَرُوا۟ فَطُبِعَ عَلَىٰ قُلُوبِهِمْ
فَهُمْ لَا يَفْقَهُونَ ﴿3﴾ ۞ وَإِذَا رَأَيْتَهُمْ تُعْجِبُكَ أَجْسَامُهُمْ ۖ
وَإِن يَقُولُوا۟ تَسْمَعْ لِقَوْلِهِمْ ۖ كَأَنَّهُمْ خُشُبٌ مُّسَنَّدَةٌ ۖ يَحْسَبُونَ كُلَّ
صَيْحَةٍ عَلَيْهِمْ ۚ هُمُ ٱلْعَدُوُّ فَٱحْذَرْهُمْ ۚ قَٰتَلَهُمُ ٱللَّهُ ۖ أَنَّىٰ يُؤْفَكُونَ ﴿4﴾

ربع الحزب 56

9. Intom li temmnu, meta ssir is-sejħa għat-talb f'jum il-Ġimgħa, araw li tmorru bil-ħeffa lejn it-tifkira ta' Alla, u ħallu *(warajkom)* il-bejgħ. Dak ikun aħjar għalikom, li kieku kontu tafu.
10. U meta jintemm it-talb, xterdu fl-art u itolbu t-tjieba ta' Alla, u ftakru ħafna f'Alla biex forsi tkunu rebbiħin.
11. U meta *(uħud mill-Misilmin)* jaraw xi negozju, jew mogħdija taż-żmien, *(arahom jitilqu mill-moskea u)* jitferrxu *(biex imorru)* għaliha, u jħalluk wieqaf *(tippriedka lil ftit fidili)*. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Dak li għandu Alla huwa aħjar mill-mogħdija taż-żmien u min-negozju!" Alla huwa l-Aħjar li jagħti l-għajxien.

63. *Sūrat 'al-Munafiqūn*

(Suret Dawk ta' Wiċċ b'Ieħor – Niżlet f'Medina bi 11-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Meta jiġuk dawk ta' wiċċ b'ieħor jgħidu*(lek Muħammad)*: "Nixhdu li inti tabilħaqq il-Mibgħut ta' Alla." Alla jaf li inti tabilħaqq il-Mibgħut tiegħu, u Alla jixhed li dawk ta' wiċċ b'ieħor huma tabilħaqq giddibin.
2. Huma jistkennu wara l-ħalf *(falz)* tagħhom u jżommu *(lil ħaddieħor)* mit-triq ta' Alla. Tabilħaqq ħażin dak li qegħdin jagħmlu.
3. Dak għaliex huma emmnu, imbagħad ċaħdu t-twemmin, u tqiegħed siġill fuq qlubhom, u għalhekk huma ma jifhmux.
4. U meta tarahom *(Muħammad, lil dawk ta' wiċċ b'ieħor)* l-iġsma tagħhom jogħġbuk, u jekk jgħidu *(xi ħaġa)*, inti tisma' kliemhom, *(iżda kun af li huma bla ruħ)* qishom bċejjeċ ta' l-injam imserrħa mal-ħajt u *(il-biża' kbir li għandhom li jinkixef il-wiċċ b'ieħor tagħhom iwassalhom biex)* jaħsbu kull għajta *(qiegħda ssir)* kontrihom. Huma l-għadu – mela oqgħod attent għalihom! Alla jeqridhom! Kemm tqarrqu!

وَإِذَا قِيلَ لَهُمْ تَعَالَوْا يَسْتَغْفِرْ لَكُمْ رَسُولُ اللَّهِ لَوَّوْا رُءُوسَهُمْ
وَرَأَيْتَهُمْ يَصُدُّونَ وَهُم مُّسْتَكْبِرُونَ ﴿5﴾ سَوَآءٌ عَلَيْهِمْ
أَسْتَغْفَرْتَ لَهُمْ أَمْ لَمْ تَسْتَغْفِرْ لَهُمْ لَن يَغْفِرَ اللَّهُ لَهُمْ ۚ إِنَّ
اللَّهَ لَا يَهْدِي الْقَوْمَ الْفَاسِقِينَ ﴿6﴾ هُمُ الَّذِينَ يَقُولُونَ
لَا تُنفِقُوا عَلَىٰ مَنْ عِندَ رَسُولِ اللَّهِ حَتَّىٰ يَنفَضُّوا ۗ وَلِلَّهِ
خَزَائِنُ السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضِ وَلَٰكِنَّ الْمُنَافِقِينَ لَا يَفْقَهُونَ
﴿7﴾ يَقُولُونَ لَئِن رَّجَعْنَا إِلَى الْمَدِينَةِ لَيُخْرِجَنَّ الْأَعَزُّ
مِنْهَا الْأَذَلَّ ۚ وَلِلَّهِ الْعِزَّةُ وَلِرَسُولِهِ وَلِلْمُؤْمِنِينَ وَلَٰكِنَّ
الْمُنَافِقِينَ لَا يَعْلَمُونَ ﴿8﴾ يَا أَيُّهَا الَّذِينَ آمَنُوا لَا تُلْهِكُمْ
أَمْوَالُكُمْ وَلَا أَوْلَادُكُمْ عَن ذِكْرِ اللَّهِ ۚ وَمَن يَفْعَلْ
ذَٰلِكَ فَأُولَٰئِكَ هُمُ الْخَاسِرُونَ ﴿9﴾ وَأَنفِقُوا مِن مَّا رَزَقْنَاكُم
مِّن قَبْلِ أَن يَأْتِيَ أَحَدَكُمُ الْمَوْتُ فَيَقُولَ رَبِّ لَوْلَا أَخَّرْتَنِي
إِلَىٰ أَجَلٍ قَرِيبٍ فَأَصَّدَّقَ وَأَكُن مِّنَ الصَّالِحِينَ ﴿10﴾ وَلَن
يُؤَخِّرَ اللَّهُ نَفْسًا إِذَا جَاءَ أَجَلُهَا ۚ وَاللَّهُ خَبِيرٌ بِمَا تَعْمَلُونَ ﴿11﴾

سُورَةُ التَّغَابُنِ

5. U meta jingħad lilhom: "Ejjew biex il-Mibgħut ta' Alla jitlob maħfra għalikom," *(arahom)* iċaqilqu rjushom *(bi stmerrija)*, u tarahom iwarrbu mkabbrin.
6. *(Kun af, Muħammad, li)* xorta waħda għalihom, sew jekk titlob maħfra għalihom, u sew jekk ma titlobx: Alla ma huwiex se jaħfrilhom! Tabilħaqq li Alla ma jurix it-triq it-tajba lill-ħatjin.
7. Huma li jgħidu: "Tonfqux għal dawk *(l-emigranti li jinsabu)* għand il-Mibgħut ta' Alla, sa ma jitferrxu *(u jitilquh)*!" Ta' Alla huma l-ħażniet *(tal-ġid kollu)* tas-smewwiet u ta' l-art, iżda ta' wiċċ b'ieħor ma jifhmux.
8. Huma jgħidu: "Jekk nerġgħu lura lejn Medina, żgur li *(il-mexxej)* l-aktar qawwi *(ta' dik il-belt, li huwa wkoll ta' wiċċ b'ieħor)* ikeċċi minnha lill-imkasbar *(Muħammad u lill-Misilmin)*." Ta' Alla hija l-qawwa, u tal-Mibgħut tiegħu u ta' dawk li jemmnu, iżda ta' wiċċ b'ieħor ma jafux.
9. Intom li temmnu, araw li ġidkom u wliedkom ma jtellfukomx milli tiftakru f'Alla! U min jagħmel hekk, dawk huma t-telliefa.
10. Onfqu *(fil-karità)* minn dak li tajniekom għall-għajxien tagħkom, qabel ma tiġi l-mewt fuq xi ħadd minnkom, u jgħid: "Sidi, għaliex ma tajtnix ftit taż-żmien ieħor? Kieku kont nagħti karità, u kont inkun mit-tajbin?"
11. Alla ma huwiex se jtawwal iż-żmien lil ebda ruħ *(f'din id-dinja)*, meta jasal żmienha *(biex titlaq għall-Ħajja l-Oħra)*. Alla jaf sewwa b'dak li tagħmlu.

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

يُسَبِّحُ لِلَّهِ مَا فِي السَّمَاوَاتِ وَمَا فِي الْأَرْضِ ۖ لَهُ الْمُلْكُ وَلَهُ الْحَمْدُ ۖ
وَهُوَ عَلَىٰ كُلِّ شَيْءٍ قَدِيرٌ ﴿1﴾ هُوَ الَّذِي خَلَقَكُمْ فَمِنكُمْ كَافِرٌ ۖ
وَمِنكُم مُّؤْمِنٌ ۚ وَاللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ بَصِيرٌ ﴿2﴾ خَلَقَ السَّمَاوَاتِ
وَالْأَرْضَ بِالْحَقِّ وَصَوَّرَكُمْ فَأَحْسَنَ صُوَرَكُمْ ۖ وَإِلَيْهِ الْمَصِيرُ ﴿3﴾
يَعْلَمُ مَا فِي السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضِ وَيَعْلَمُ مَا تُسِرُّونَ وَمَا تُعْلِنُونَ ۚ وَاللَّهُ
عَلِيمٌ بِذَاتِ الصُّدُورِ ﴿4﴾ أَلَمْ يَأْتِكُمْ نَبَؤُا الَّذِينَ كَفَرُوا مِن قَبْلُ
فَذَاقُوا وَبَالَ أَمْرِهِمْ وَلَهُمْ عَذَابٌ أَلِيمٌ ﴿5﴾ ذَٰلِكَ بِأَنَّهُ كَانَت تَّأْتِيهِمْ
رُسُلُهُم بِالْبَيِّنَاتِ فَقَالُوا أَبَشَرٌ يَهْدُونَنَا فَكَفَرُوا وَتَوَلَّوا ۚ وَّاسْتَغْنَى
اللَّهُ ۚ وَاللَّهُ غَنِيٌّ حَمِيدٌ ﴿6﴾ زَعَمَ الَّذِينَ كَفَرُوا أَن لَّن يُبْعَثُوا ۚ قُلْ بَلَىٰ وَرَبِّي
لَتُبْعَثُنَّ ثُمَّ لَتُنَبَّؤُنَّ بِمَا عَمِلْتُمْ ۚ وَذَٰلِكَ عَلَى اللَّهِ يَسِيرٌ ﴿7﴾ فَآمِنُوا بِاللَّهِ
وَرَسُولِهِ وَالنُّورِ الَّذِي أَنزَلْنَا ۚ وَاللَّهُ بِمَا تَعْمَلُونَ خَبِيرٌ ﴿8﴾ يَوْمَ
يَجْمَعُكُمْ لِيَوْمِ الْجَمْعِ ۖ ذَٰلِكَ يَوْمُ التَّغَابُنِ ۗ وَمَن يُؤْمِن بِاللَّهِ وَيَعْمَلْ
صَالِحًا يُكَفِّرْ عَنْهُ سَيِّئَاتِهِ وَيُدْخِلْهُ جَنَّاتٍ تَجْرِي مِن تَحْتِهَا
الْأَنْهَارُ خَالِدِينَ فِيهَا أَبَدًا ۚ ذَٰلِكَ الْفَوْزُ الْعَظِيمُ ﴿9﴾

64. *Sūratu t-Taġ̲ābun*

(Suret it-Tilwim bejn il-Ħżiena Tellifin
– Niżlet f'Medina bi 18-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Isebbaħ lil Alla kulma jinsab fis-smewwiet u fl-art; tiegħu huma s-saltna u t-tifħir, u Huwa fuq kollox Setgħan.
2. Huwa li ħalaqkom. Hemm minnkom li ma jemminx, u hemm minnkom li jemmen. Alla jara kulma tagħmlu.
3. Huwa ħalaq is-smewwiet u l-art bil-ħaqq, u sawwarkom u għamilkom fl-aħjar għamla. Lejh it-tmiem *(ta' kollox u ta' kulħadd)*.
4. Huwa jaf x'hemm fis-smewwiet u fl-art, u jaf dak li taħbu u dak li turu. Alla jaf b'kulma hemm fil-qlub.
5. Jaqaw ma ġitkomx l-aħbar ta' dawk li, qabel, ċaħdu t-twemmin u daqu l-imrar ta' l-imġiba *(ħażina)* tagħhom? Huma jkollhom kastig ta' wġigħ?
6. Dak għaliex kienu jiġuhom il-Mibgħutin tagħhom bis-sinjali ċ-ċari, u *(dawk li ma jemmnux)* kienu jgħidu: "Jaqaw bnedmin *(bħalna)* se jmexxuna fit-triq it-tajba?" Huma m'emmnux u taw daharhom. Alla ma għandux bżonn*(hom)*. Alla Għani u jistħoqq kull tifħir.
7. Dawk li ma jemmnux jgħidu *(u jallegaw)* li ma humiex se jitqajmu mill-mewt. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Iva! *(Naħlef)* fuq Sidi li tassew titqajmu mill-mewt, u mbagħad tkunu mgħarrfin b'dak li għamiltu." Dak, għal Alla, ħafif!
8. Mela emmnu f'Alla, fil-Mibgħut tiegħu u fid-dawl li Aħna niżżilna. Alla jaf sew b'dak li tagħmlu.
9. Fil-Jum meta jiġborkom għal Jum il-Ġabra, dak ikun Jum it-tilwim u t-telfa tal-ħżiena *(għaliex dakinhar iwaħħlu f'xulxin)*. U min jemmen f'Alla u jagħmel il-ġid, *(Alla)* iħassarlu l-għemejjel ħżiena tiegħu u jdaħħlu f'Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom jgħammru għal dejjem. Dik hija r-rebħa l-kbira!

وَٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ وَكَذَّبُوا۟ بِـَٔايَـٰتِنَآ أُو۟لَـٰٓئِكَ أَصْحَـٰبُ
ٱلنَّارِ خَـٰلِدِينَ فِيهَا ۖ وَبِئْسَ ٱلْمَصِيرُ ﴿10﴾ مَآ أَصَابَ مِن
مُّصِيبَةٍ إِلَّا بِإِذْنِ ٱللَّهِ ۗ وَمَن يُؤْمِنۢ بِٱللَّهِ يَهْدِ قَلْبَهُۥ ۚ وَٱللَّهُ بِكُلِّ
شَىْءٍ عَلِيمٌ ﴿11﴾ وَأَطِيعُوا۟ ٱللَّهَ وَأَطِيعُوا۟ ٱلرَّسُولَ ۚ فَإِن
تَوَلَّيْتُمْ فَإِنَّمَا عَلَىٰ رَسُولِنَا ٱلْبَلَـٰغُ ٱلْمُبِينُ ﴿12﴾ ٱللَّهُ لَآ إِلَـٰهَ
إِلَّا هُوَ ۚ وَعَلَى ٱللَّهِ فَلْيَتَوَكَّلِ ٱلْمُؤْمِنُونَ ﴿13﴾ يَـٰٓأَيُّهَا
ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِنَّ مِنْ أَزْوَٰجِكُمْ وَأَوْلَـٰدِكُمْ عَدُوًّا
لَّكُمْ فَٱحْذَرُوهُمْ ۚ وَإِن تَعْفُوا۟ وَتَصْفَحُوا۟ وَتَغْفِرُوا۟
فَإِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿14﴾ إِنَّمَآ أَمْوَٰلُكُمْ وَأَوْلَـٰدُكُمْ
فِتْنَةٌ ۚ وَٱللَّهُ عِندَهُۥٓ أَجْرٌ عَظِيمٌ ﴿15﴾ فَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ مَا ٱسْتَطَعْتُمْ
وَٱسْمَعُوا۟ وَأَطِيعُوا۟ وَأَنفِقُوا۟ خَيْرًا لِّأَنفُسِكُمْ ۗ وَمَن
يُوقَ شُحَّ نَفْسِهِۦ فَأُو۟لَـٰٓئِكَ هُمُ ٱلْمُفْلِحُونَ ﴿16﴾ إِن تُقْرِضُوا۟
ٱللَّهَ قَرْضًا حَسَنًا يُضَـٰعِفْهُ لَكُمْ وَيَغْفِرْ لَكُمْ ۚ وَٱللَّهُ شَكُورٌ
حَلِيمٌ ﴿17﴾ عَـٰلِمُ ٱلْغَيْبِ وَٱلشَّهَـٰدَةِ ٱلْعَزِيزُ ٱلْحَكِيمُ ﴿18﴾

سُورَةُ الطَّلَاقِ

10. U dawk li ma jemmnux u jgiddbu l-versi tagħna, dawk huma nies in-Nar, u fih jgħammru għal dejjem. *(Dak ikun)* tassew tmiem mill-agħar!
11. Ma jiġrix xi għawġ jekk mhux bil-permess ta' Alla. Min jemmen f'Alla, imexxi lil qalbu fit-triq it-tajba. Alla jaf b'kollox.
12. Obdu lil Alla, u obdu lill-Mibgħut! U jekk tagħtu daharkom *(u terġgħu lura għalli kontu, kunu afu li)* il-Mibgħut tagħna għandu biss ixandar biċ-ċar *(it-tagħlim ta' l-Islam. Jekk temmnuhx jew le, din hija l-għażla u r-responsabbiltà tagħkom)*.
13. Alla! Ma hemmx alla *(ieħor)* għajru! Ħalli jafdaw f'Alla dawk li jemmnu!
14. Intom li temmnu, tabilħaqq li fost in-nisa tagħkom u wliedkom hemm min hu għadu tagħkom. Għalhekk oqogħdu attenti għalihom! U jekk tagħdru*(hom)*, tagħlqu għajnejkom *(u ma titlewmux magħhom)* u taħfru*(lhom)*, Alla tabilħaqq Kollu Maħfra, Ħanin.
15. Ġidkom u wliedkom huma biss tiġrib *(mingħand Alla, biex jara x'se tagħmlu bihom)*. Alla għandu ħlas kbir.
16. Mela ibżgħu minn Alla, kemm tistgħu, u isimgħu *(is-sewwa li jingħad lilkom)*, obdu *(lil Alla u lill-Mibgħut tiegħu)*, u onfqu *(mill-ġid li takom Alla – dak ikun)* aħjar għalikom infuskom. U min jitħares mix-xeħħa tiegħu nnifsu, *(nies bħal)* dawk huma r-rebbiħin!
17. Jekk issellfu lil Alla self tajjeb, Huwa jkattarhulkom, u jaħfrilkom. Alla jiżżi*(kom)* ħajr, u Kollu Sabar mal-midinbin.
18. Huwa jaf dak li ma jidhirx u dak li jidher. Il-Felħan, l-Għaref.

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

نصف الحزب 56

يَا أَيُّهَا النَّبِيُّ إِذَا طَلَّقْتُمُ النِّسَاءَ فَطَلِّقُوهُنَّ لِعِدَّتِهِنَّ وَأَحْصُوا
الْعِدَّةَ ۖ وَاتَّقُوا اللَّهَ رَبَّكُمْ ۖ لَا تُخْرِجُوهُنَّ مِن بُيُوتِهِنَّ
وَلَا يَخْرُجْنَ إِلَّا أَن يَأْتِينَ بِفَاحِشَةٍ مُّبَيِّنَةٍ ۚ وَتِلْكَ حُدُودُ
اللَّهِ ۚ وَمَن يَتَعَدَّ حُدُودَ اللَّهِ فَقَدْ ظَلَمَ نَفْسَهُ ۚ لَا تَدْرِي لَعَلَّ
اللَّهَ يُحْدِثُ بَعْدَ ذَٰلِكَ أَمْرًا ﴿1﴾ فَإِذَا بَلَغْنَ أَجَلَهُنَّ فَأَمْسِكُوهُنَّ
بِمَعْرُوفٍ أَوْ فَارِقُوهُنَّ بِمَعْرُوفٍ وَأَشْهِدُوا ذَوَيْ عَدْلٍ مِّنكُمْ
وَأَقِيمُوا الشَّهَادَةَ لِلَّهِ ۚ ذَٰلِكُمْ يُوعَظُ بِهِ مَن كَانَ يُؤْمِنُ
بِاللَّهِ وَالْيَوْمِ الْآخِرِ ۚ وَمَن يَتَّقِ اللَّهَ يَجْعَل لَّهُ مَخْرَجًا ﴿2﴾ وَيَرْزُقْهُ
مِنْ حَيْثُ لَا يَحْتَسِبُ ۚ وَمَن يَتَوَكَّلْ عَلَى اللَّهِ فَهُوَ حَسْبُهُ ۚ إِنَّ اللَّهَ
بَالِغُ أَمْرِهِ ۚ قَدْ جَعَلَ اللَّهُ لِكُلِّ شَيْءٍ قَدْرًا ﴿3﴾ وَاللَّائِي يَئِسْنَ
مِنَ الْمَحِيضِ مِن نِّسَائِكُمْ إِنِ ارْتَبْتُمْ فَعِدَّتُهُنَّ ثَلَاثَةُ أَشْهُرٍ
وَاللَّائِي لَمْ يَحِضْنَ ۚ وَأُولَاتُ الْأَحْمَالِ أَجَلُهُنَّ أَن يَضَعْنَ حَمْلَهُنَّ ۚ
وَمَن يَتَّقِ اللَّهَ يَجْعَل لَّهُ مِنْ أَمْرِهِ يُسْرًا ﴿4﴾ ذَٰلِكَ أَمْرُ اللَّهِ أَنزَلَهُ
إِلَيْكُمْ ۚ وَمَن يَتَّقِ اللَّهَ يُكَفِّرْ عَنْهُ سَيِّئَاتِهِ وَيُعْظِمْ لَهُ أَجْرًا ﴿5﴾

65. *Sūratu ṭ-Ṭalāq*

(Suret id-Divorzju – Niżlet f'Medina bi 12-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Ja Profeta *(Muħammad)*, meta tiddivorzjaw lin-nisa, iddivorzjawhom *(fil-bidu)* taż-żmien ta' stennija maħsub għalihom *(meta l-mara tkun nadifa mit-tnixxija mestrwali, u r-raġel ma jkunx messha)*, għoddu ż-żmien ta' stennija, u ibżgħu minn Alla Sidkom. La toħorġuhomx minn djarhom *(hekk kif tiddivorzjawhom, iżda araw li tħarsu ż-żmien ta' stennija maħsub għalihom)*. Ma għandhomx joħorġu *(minn djarhom)* ħlief meta jagħmlu xi għemil faħxi fid-dieher. Dawk huma l-limiti ta' Alla. Min jaqbeż il-limiti ta' Alla, ikun jonqos lejh innifsu. Inti ma tafx! Għandu mnejn li, wara dak *(id-divorzju)*, Alla jġiegħel xi ħaġa tiġri *(li twassal biex il-koppja terġa' tingħaqad)*.
2. U meta jkun qorob li *(in-nisa tagħkom)* jgħaddilhom żmienhom *(ta' stennija)*, jew żommuhom kif jixraq, jew infirdu minnhom kif jixraq. *(Meta żżommuhom jew meta tinfirdu minnhom)* ġibu żewġ xhieda rġiel minn fostkom, ġusti, u agħtu xhieda lil Alla. B'dan huwa mwissi min jemmen f'Alla u fl-Aħħar Jum. U min jibża' minn Alla, *(Alla)* isiblu ħruġ *(tajjeb minn kull għawġ)*,
3. u jagħtih l-għajxien minn fejn ma jobsorx. Min jafda f'Alla, *(Alla)* ikun biżżejjed għalih. Tabilħaqq li Alla jilħaq l-għan tiegħu! Alla tassew għamel qjies għal kull ħaġa.
4. Dawk min-nisa tagħkom li qatgħu jieshom li jaraw id-demm *(mestrwali)*, jekk għandkom xi dubju, iż-żmien ta' stennija tagħhom ikun ta' tliet xhur, u *(l-istess żmien għal)* dawk li għadhom ma rawx demm *(għaliex għadhom żgħar fl-għomor)*. Dawk in-nisa tqal, iż-żmien tagħhom ikun sa ma jwelldu t-toqol tagħhom. Min jibża' minn Alla, *(Alla)* iħaffiflu xogħlu.
5. Dak huwa l-amar ta' Alla li niżżlilkom *(biex intom li temmnu timxu fuqu)*, u min jibża' minn Alla, *(Alla)* iħassarlu l-għemejjel ħżiena tiegħu u jkabbarlu l-ħlas.

أَسْكِنُوهُنَّ مِنْ حَيْثُ سَكَنتُم مِّن وُجْدِكُمْ وَلَا تُضَآرُّوهُنَّ لِتُضَيِّقُوا
عَلَيْهِنَّ ۚ وَإِن كُنَّ أُو۟لَٰتِ حَمْلٍ فَأَنفِقُوا عَلَيْهِنَّ حَتَّىٰ يَضَعْنَ حَمْلَهُنَّ ۚ
فَإِنْ أَرْضَعْنَ لَكُمْ فَـَٔاتُوهُنَّ أُجُورَهُنَّ ۖ وَأْتَمِرُوا۟ بَيْنَكُم بِمَعْرُوفٍ ۖ وَإِن
تَعَاسَرْتُمْ فَسَتُرْضِعُ لَهُۥٓ أُخْرَىٰ ﴿6﴾ لِيُنفِقْ ذُو سَعَةٍ مِّن سَعَتِهِۦ ۖ
وَمَن قُدِرَ عَلَيْهِ رِزْقُهُۥ فَلْيُنفِقْ مِمَّآ ءَاتَىٰهُ ٱللَّهُ ۚ لَا يُكَلِّفُ ٱللَّهُ نَفْسًا
إِلَّا مَآ ءَاتَىٰهَا ۚ سَيَجْعَلُ ٱللَّهُ بَعْدَ عُسْرٍ يُسْرًا ﴿7﴾ وَكَأَيِّن مِّن قَرْيَةٍ
عَتَتْ عَنْ أَمْرِ رَبِّهَا وَرُسُلِهِۦ فَحَاسَبْنَٰهَا حِسَابًا شَدِيدًا وَعَذَّبْنَٰهَا
عَذَابًا نُّكْرًا ﴿8﴾ فَذَاقَتْ وَبَالَ أَمْرِهَا وَكَانَ عَٰقِبَةُ أَمْرِهَا خُسْرًا ﴿9﴾
أَعَدَّ ٱللَّهُ لَهُمْ عَذَابًا شَدِيدًا ۖ فَٱتَّقُوا۟ ٱللَّهَ يَٰٓأُو۟لِى ٱلْأَلْبَٰبِ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ ۚ
قَدْ أَنزَلَ ٱللَّهُ إِلَيْكُمْ ذِكْرًا ﴿10﴾ رَّسُولًا يَتْلُوا۟ عَلَيْكُمْ ءَايَٰتِ ٱللَّهِ مُبَيِّنَٰتٍ
لِّيُخْرِجَ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ مِنَ ٱلظُّلُمَٰتِ إِلَى ٱلنُّورِ ۚ
وَمَن يُؤْمِنۢ بِٱللَّهِ وَيَعْمَلْ صَٰلِحًا يُدْخِلْهُ جَنَّٰتٍ تَجْرِى مِن تَحْتِهَا
ٱلْأَنْهَٰرُ خَٰلِدِينَ فِيهَآ أَبَدًا ۖ قَدْ أَحْسَنَ ٱللَّهُ لَهُۥ رِزْقًا ﴿11﴾ ٱللَّهُ ٱلَّذِى خَلَقَ
سَبْعَ سَمَٰوَٰتٍ وَمِنَ ٱلْأَرْضِ مِثْلَهُنَّ ۖ يَتَنَزَّلُ ٱلْأَمْرُ بَيْنَهُنَّ لِتَعْلَمُوٓا۟ أَنَّ
ٱللَّهَ عَلَىٰ كُلِّ شَىْءٍ قَدِيرٌ ۙ وَأَنَّ ٱللَّهَ قَدْ أَحَاطَ بِكُلِّ شَىْءٍ عِلْمًا ﴿12﴾

6. Agħtuhom kenn *(lin-nisa divorzjati)* fejn toqogħdu intom, kif tistgħu, u tagħmlulhomx ħsara biex iddejquhom *(u ġġegħluhom jitilqu minn djarkom)*. Jekk ikunu tqal, onfqu għalihom sa ma jwelldu t-toqol tagħhom. U jekk ireddgħu, għalikom, agħtuhom il-ħlasijiet tagħhom u ftiehmu bejnietkom kif jixraq, iżda jekk ma tiftehmux, mela mara oħra tredda' għalih *(għal missier it-tarbija)*.
7. Ħalli jonfoq dak li għandu *(ġid)* bil-kotra mill-kotra tiegħu, u min l-għajxien tiegħu huwa bil-qjies, ħalli jonfoq minn dak li tah Alla. Alla ma jgħabbix lir-ruħ ħlief b'dak li taha. Wara l-iebes Alla jġib il-ħafif.
8. U kemm-il belt ħaditha kontra l-amar ta' Sidha u tal-Mibgħutin tiegħu! Aħna għamilna kont iebes magħha u kkastigajnieha b'kastig mill-agħar.
9. Hija daqet l-imrar ta' l-imġiba tagħha u t-tmiem tagħha kien it-telfien.
10. Alla ħejja għalihom kastig qalil. Mela ibżgħu minn Alla, ja nies ta' dehen li jemmnu. Alla tassew niżżlilkom tifkira;
11. Mibgħut li jaqralkom il-versi ċ-ċari ta' Alla biex joħroġ lil dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid mid-dlamijiet għad-dawl. U min jemmen f'Alla u jagħmel il-ġid, *(Alla)* idaħħlu f'Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom, u fihom jgħammru għal dejjem. Alla tassew tejjiblu *(lill-ġust)* l-għajxien *(tiegħu fil-Ġenna)*.
12. Alla huwa li ħalaq seba' smewwiet, u daqshekk ieħor *(ħalaq)* mill-art. L-amar jitniżżel bejniethom *(bejn is-smewwiet u l-art)* biex tkunu tafu li Alla Setgħan fuq kollox, u li Alla għandu kollox taħt idejħ fl-għerf *(tiegħu)*.

سورة التحريم

بسم الله الرحمن الرحيم

يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّبِيُّ لِمَ تُحَرِّمُ مَآ أَحَلَّ ٱللَّهُ لَكَ ۖ تَبْتَغِي مَرْضَاتَ أَزْوَٰجِكَ ۚ وَٱللَّهُ
غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿1﴾ قَدْ فَرَضَ ٱللَّهُ لَكُمْ تَحِلَّةَ أَيْمَٰنِكُمْ ۚ وَٱللَّهُ مَوْلَىٰكُمْ ۖ
وَهُوَ ٱلْعَلِيمُ ٱلْحَكِيمُ ﴿2﴾ وَإِذْ أَسَرَّ ٱلنَّبِيُّ إِلَىٰ بَعْضِ أَزْوَٰجِهِۦ حَدِيثًا
فَلَمَّا نَبَّأَتْ بِهِۦ وَأَظْهَرَهُ ٱللَّهُ عَلَيْهِ عَرَّفَ بَعْضَهُۥ وَأَعْرَضَ عَنۢ بَعْضٍ ۖ
فَلَمَّا نَبَّأَهَا بِهِۦ قَالَتْ مَنْ أَنۢبَأَكَ هَٰذَا ۖ قَالَ نَبَّأَنِىَ ٱلْعَلِيمُ ٱلْخَبِيرُ
﴿3﴾ إِن تَتُوبَآ إِلَى ٱللَّهِ فَقَدْ صَغَتْ قُلُوبُكُمَا ۖ وَإِن تَظَٰهَرَا عَلَيْهِ
فَإِنَّ ٱللَّهَ هُوَ مَوْلَىٰهُ وَجِبْرِيلُ وَصَٰلِحُ ٱلْمُؤْمِنِينَ ۖ وَٱلْمَلَٰٓئِكَةُ
بَعْدَ ذَٰلِكَ ظَهِيرٌ ﴿4﴾ عَسَىٰ رَبُّهُۥٓ إِن طَلَّقَكُنَّ أَن يُبْدِلَهُۥٓ أَزْوَٰجًا
خَيْرًا مِّنكُنَّ مُسْلِمَٰتٍ مُّؤْمِنَٰتٍ قَٰنِتَٰتٍ تَٰٓئِبَٰتٍ عَٰبِدَٰتٍ سَٰٓئِحَٰتٍ
ثَيِّبَٰتٍ وَأَبْكَارًا ﴿5﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ قُوٓا۟ أَنفُسَكُمْ وَأَهْلِيكُمْ
نَارًا وَقُودُهَا ٱلنَّاسُ وَٱلْحِجَارَةُ عَلَيْهَا مَلَٰٓئِكَةٌ غِلَاظٌ شِدَادٌ
لَّا يَعْصُونَ ٱللَّهَ مَآ أَمَرَهُمْ وَيَفْعَلُونَ مَا يُؤْمَرُونَ ﴿6﴾ يَٰٓأَيُّهَا
ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لَا تَعْتَذِرُوا۟ ٱلْيَوْمَ ۖ إِنَّمَا تُجْزَوْنَ مَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿7﴾

66. *Sūratu t-Taħrīm*

(Suret il-Projbizzjoni – Niżlet f'Medina bi 12-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Ja Profeta *(Muħammad)*, għaliex tipprojbixxi dak li Alla għamlu jiswa għalik *(li torqod ma' martek, il-qaddejja Eġizzjana Marija)*, biex togħġob lin-nisa tiegħek? Alla Kollu Maħfra, Ħanin.
2. Tabilħaqq Alla ordnalkom tħollija mill-ħalf tagħkom. Alla huwa l-Protettur tagħkom, u Huwa jaf kollox u Għaref.
3. Meta l-Profeta *(Muħammad)* qal kliem sigriet lil waħda min-nisa tiegħu *(lil Ħafṣa)*, u meta *(din Ħafṣa)* ħabbret *(lil Għājxa)* dwaru *(dak il-kliem)*, u Alla wriħulu *(lil Muħammad dak li għamlet Ħafṣa)*, huwa għarraf*(ha)* b'parti minnu *(il-kliem li qalet lil Għājxa)* u ħalla barra l-bqija. U meta *(il-Profeta)* ħabbarha dwaru, qalet *(Ħafṣa)*: "Min ħabbrek b'dan?" Qal*(ilha)*: "Ħabbarni Dak li jaf kollox, u li jaf sew *(b'kulma jiġri)*."
4. Jekk intom it-tnejn *(Ħafṣa u Għājxa)* idduru lejn Alla bl-indiema, għaliex qlubkom tbiegħdu mis-sewwa, *(Alla jiftaħ l-indiema tagħkom)*, iżda jekk tiftiehmu kontrih *(u toħolqu l-inkwiet man-nisa l-oħra, kunu afu li)* Alla tabilħaqq huwa l-Protettur tiegħu, kif ukoll Gabrijel u l-ġusti fost dawk li jemmnu. U barra minn dawk, l-anġli *(ukoll)* jagħtuh l-għajnuna.
5. Għandu mnejn Sidu, jekk *(Muħammad)* jiddivorzjakom, jagħtih minflokkom nisa aħjar minnkom li jintelqu f'Alla *(Misilmin)*, jemmnu, devoti, nedmin, iqimu *(lil Alla)*, iħobbu s-sawm, li kienu diġà miżżewġin *(iżda issa huma romol jew divorzjati)* jew verġni.
6. Intom li temmnu, ħarsu lilkom infuskom u lill-familji tagħkom minn Nar li l-ħatab tiegħu huma n-nies u l-ġebel; fuqu *(hemm)* anġli ħorox u qliel li ma jeħduhiex kontra dak li jamrilhom Alla, u jagħmlu dak li jitqabbdu.
7. Intom li ma temmnux, titolbux mogħdrija llum *(f'Jum il-Qawmien, għal dnubietkom, għaliex issa tard wisq)*; se tiħallsu biss ta' dak li kontu tagħmlu.

يَٰٓأَيُّهَا ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ تُوبُوٓاْ إِلَى ٱللَّهِ تَوۡبَةٗ نَّصُوحًا عَسَىٰ رَبُّكُمۡ
أَن يُكَفِّرَ عَنكُمۡ سَيِّـَٔاتِكُمۡ وَيُدۡخِلَكُمۡ جَنَّٰتٖ تَجۡرِي
مِن تَحۡتِهَا ٱلۡأَنۡهَٰرُ يَوۡمَ لَا يُخۡزِي ٱللَّهُ ٱلنَّبِيَّ وَٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ
مَعَهُۥۖ نُورُهُمۡ يَسۡعَىٰ بَيۡنَ أَيۡدِيهِمۡ وَبِأَيۡمَٰنِهِمۡ يَقُولُونَ رَبَّنَآ
أَتۡمِمۡ لَنَا نُورَنَا وَٱغۡفِرۡ لَنَآۖ إِنَّكَ عَلَىٰ كُلِّ شَيۡءٖ قَدِيرٞ ﴿8﴾
يَٰٓأَيُّهَا ٱلنَّبِيُّ جَٰهِدِ ٱلۡكُفَّارَ وَٱلۡمُنَٰفِقِينَ وَٱغۡلُظۡ عَلَيۡهِمۡۚ
وَمَأۡوَىٰهُمۡ جَهَنَّمُۖ وَبِئۡسَ ٱلۡمَصِيرُ ﴿9﴾ ضَرَبَ ٱللَّهُ مَثَلٗا
لِّلَّذِينَ كَفَرُواْ ٱمۡرَأَتَ نُوحٖ وَٱمۡرَأَتَ لُوطٖۖ كَانَتَا تَحۡتَ
عَبۡدَيۡنِ مِنۡ عِبَادِنَا صَٰلِحَيۡنِ فَخَانَتَاهُمَا فَلَمۡ يُغۡنِيَا عَنۡهُمَا
مِنَ ٱللَّهِ شَيۡـٔٗا وَقِيلَ ٱدۡخُلَا ٱلنَّارَ مَعَ ٱلدَّٰخِلِينَ ﴿10﴾
وَضَرَبَ ٱللَّهُ مَثَلٗا لِّلَّذِينَ ءَامَنُواْ ٱمۡرَأَتَ فِرۡعَوۡنَ إِذۡ
قَالَتۡ رَبِّ ٱبۡنِ لِي عِندَكَ بَيۡتٗا فِي ٱلۡجَنَّةِ وَنَجِّنِي مِن فِرۡعَوۡنَ
وَعَمَلِهِۦ وَنَجِّنِي مِنَ ٱلۡقَوۡمِ ٱلظَّٰلِمِينَ ﴿11﴾ وَمَرۡيَمَ ٱبۡنَتَ
عِمۡرَٰنَ ٱلَّتِيٓ أَحۡصَنَتۡ فَرۡجَهَا فَنَفَخۡنَا فِيهِ مِن رُّوحِنَا
وَصَدَّقَتۡ بِكَلِمَٰتِ رَبِّهَا وَكُتُبِهِۦ وَكَانَتۡ مِنَ ٱلۡقَٰنِتِينَ ﴿12﴾

8. Intom li temmnu, duru lejn Alla bi ndiema sinċiera! Għandu mnejn Sidkom iħassrilkom l-għemejjel ħżiena tagħkom, u jdaħħalkom f'Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom; fil-Jum meta Alla ma jbaxxix lill-Profeta *(Muħammad)* u lil dawk li jemmnu miegħu. Id-dawl tagħhom ħiereġ quddiemhom u fuq il-leminija tagħhom. Huma jgħidu: "Sidna, ġibilna d-dawl tagħna fil-milja tiegħu, u aħfrilna. Inti tabilħaqq fuq kollox Setgħan!"
9. Ja Profeta, tqabad kontra dawk li jiċħdu t-twemmin u kontra ta' wiċċ b'ieħor, u kun aħrax magħhom! Il-kenn tagħhom fl-Infern; *(dan tassew)* tmiem ta' għajb!
10. Lil dawk li ċaħdu t-twemmin Alla jġib l-eżempju ta' mart Noè u mart Lot li kienu taħt żewġ qaddejja mill-qaddejja ġusti tagħna *(Noè u Lot)*. *(Dawn iż-żewġ nisa)* ittradewhom *(lil żwieġhom għaliex baqgħu jiċħdu t-twemmin)* u *(għalhekk Noè u Lot)* ma swewlhom xejn quddiem Alla *(u ma setgħux jeħilsuhom mill-kastig)*. Intqal *(liż-żewġ nisa)*: "Intom it-tnejn, idħlu fin-Nar *(ta' l-Infern)* ma' dawk li deħlin!"
11. Lil dawk li jemmnu Alla jġib l-eżempju ta' mart il-Fargħun, meta qalet: "Sidi *(u Mulej Alla tiegħi)*, ibnili għandek dar fil-Ġenna, eħlisni mill-Fargħun u minn għemilu, u eħlisni min-nies il-ħżiena."
12. *(Hemm ukoll l-eżempju)* ta' Marija bint Għimrān, li ħarset is-safa ta' ġisimha, u Aħna nfaħna minn Ruħna fiha, emmnet fi Kliem Sidha u fil-Kotba tiegħu, u kienet minn dawk mogħtija għal Alla.

سُورَةُ الْمُلْكِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

الجزء 29
الحزب 57

تَبَارَكَ الَّذِي بِيَدِهِ الْمُلْكُ وَهُوَ عَلَىٰ كُلِّ شَيْءٍ قَدِيرٌ ﴿1﴾ الَّذِي خَلَقَ
الْمَوْتَ وَالْحَيَاةَ لِيَبْلُوَكُمْ أَيُّكُمْ أَحْسَنُ عَمَلًا ۚ وَهُوَ الْعَزِيزُ الْغَفُورُ ﴿2﴾
الَّذِي خَلَقَ سَبْعَ سَمَاوَاتٍ طِبَاقًا ۖ مَّا تَرَىٰ فِي خَلْقِ الرَّحْمَٰنِ مِن
تَفَاوُتٍ ۖ فَارْجِعِ الْبَصَرَ هَلْ تَرَىٰ مِن فُطُورٍ ﴿3﴾ ثُمَّ ارْجِعِ الْبَصَرَ كَرَّتَيْنِ
يَنقَلِبْ إِلَيْكَ الْبَصَرُ خَاسِئًا وَهُوَ حَسِيرٌ ﴿4﴾ وَلَقَدْ زَيَّنَّا السَّمَاءَ
الدُّنْيَا بِمَصَابِيحَ وَجَعَلْنَاهَا رُجُومًا لِّلشَّيَاطِينِ ۖ وَأَعْتَدْنَا لَهُمْ عَذَابَ
السَّعِيرِ ﴿5﴾ وَلِلَّذِينَ كَفَرُوا بِرَبِّهِمْ عَذَابُ جَهَنَّمَ ۖ وَبِئْسَ الْمَصِيرُ
﴿6﴾ إِذَا أُلْقُوا فِيهَا سَمِعُوا لَهَا شَهِيقًا وَهِيَ تَفُورُ ﴿7﴾ تَكَادُ تَمَيَّزُ
مِنَ الْغَيْظِ ۖ كُلَّمَا أُلْقِيَ فِيهَا فَوْجٌ سَأَلَهُمْ خَزَنَتُهَا أَلَمْ يَأْتِكُمْ نَذِيرٌ ﴿8﴾
قَالُوا بَلَىٰ قَدْ جَاءَنَا نَذِيرٌ فَكَذَّبْنَا وَقُلْنَا مَا نَزَّلَ اللَّهُ مِن شَيْءٍ إِنْ أَنتُمْ
إِلَّا فِي ضَلَالٍ كَبِيرٍ ﴿9﴾ وَقَالُوا لَوْ كُنَّا نَسْمَعُ أَوْ نَعْقِلُ مَا كُنَّا فِي أَصْحَابِ
السَّعِيرِ ﴿10﴾ فَاعْتَرَفُوا بِذَنبِهِمْ فَسُحْقًا لِّأَصْحَابِ السَّعِيرِ ﴿11﴾
إِنَّ الَّذِينَ يَخْشَوْنَ رَبَّهُم بِالْغَيْبِ لَهُم مَّغْفِرَةٌ وَأَجْرٌ كَبِيرٌ ﴿12﴾

67. *Sūratu l-Mulk*

(Suret is-Setgħa – Niżlet f'Mekka bi 30 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Imbierek Dak li f'idu għandu s-setgħa *(fuq is-smewwiet u fuq l-art)*, u Huwa Setgħan fuq kollox;
2. Dak li ħalaq il-mewt u l-ħajja biex iġarrabkom *(u jara)* min minnkom huwa l-aħjar fl-għemil. Huwa l-Qawwi, Kollu Maħfra,
3. Dak li ħalaq seba' smewwiet fuq xulxin. Fil-ħolqien ta' Dak Kollu Ħniena ma tara ebda nuqqas. U erġa' ħares! Qiegħed tara xi xquq?
4. Imbagħad erġa' ħares għal darbtejn oħra *(wara xulxin)*! Il-ħars jerġa' lura lejk umli *(għaliex ma sabx in-nuqqasijiet li ħaseb li se jsib fil-ħolqien)* u għajjien *(u dgħajjef minn dak il-ħars kollu)*.
5. Aħna tassew żejjinna l-eqreb sema *(lejkom)* bi msiebaħ *(il-kwiekeb)*, u għamilniehom biex *(bin-nirien li joħorġu minnhom)* jitħaġġru x-xjaten, u ħejjejnielhom il-kastig tan-Nar iħeġġeġ.
6. U għal dawk li jiċħdu lil Sidhom hemm il-kastig ta' l-Infern, u ta' għajb it-tmiem *(tagħhom)*!
7. Meta jinxteħtu fih huma jisimgħu ħoss tal-biża' ħiereġ minnu, filwaqt li *(in-Nar)* ifur *(għaliex jagħli u jħeġġeġ bil-midinbin)*.
8. *(L-Infern)* għoddu jinqasam bl-għadab *(tiegħu għall-ħżiena)*; kull darba li tinxteħet fih ġemgħa *(ta' midinbin)*, l-għassiesa tiegħu jsaqsuhom: "Mela ma ġikomx min iwissi*(kom)*?"
9. Huma jgħidu: "Mela! Tassew ġiena min iwissi, iżda aħna giddibna *(lilu u lil kliemu)*, u għedna: 'Alla ma niżżel xejn! *(Intom il-Mibgħutin)* m'intomx ħlief f'telfien kbir!'"
10. Huma jgħidu: "Kieku konna nisimgħu *(it-twissijiet tal-Mibgħutin)*, jew nifhmu *(dak li kienu qegħdin jgħidulna)*, ma konniex inkunu fost nies in-Nar iħeġġeġ!"
11. Huma *(imbagħad)* jagħrfu dnubhom *(iżda dan ikun tard wisq)*. Mela ħalli jitbiegħdu *(mill-ħniena ta' Alla)* nies in-Nar iħeġġeġ!
12. Tabilħaqq li dawk li jibżgħu minn Sidhom, li jinsab mistur, ikollhom maħfra u ħlas kbir.

وَأَسِرُّوا۟ قَوْلَكُمْ أَوِ ٱجْهَرُوا۟ بِهِۦٓ ۖ إِنَّهُۥ عَلِيمٌۢ بِذَاتِ ٱلصُّدُورِ ﴿13﴾ أَلَا
يَعْلَمُ مَنْ خَلَقَ وَهُوَ ٱللَّطِيفُ ٱلْخَبِيرُ ﴿14﴾ هُوَ ٱلَّذِى جَعَلَ لَكُمُ
ٱلْأَرْضَ ذَلُولًا فَٱمْشُوا۟ فِى مَنَاكِبِهَا وَكُلُوا۟ مِن رِّزْقِهِۦ ۖ وَإِلَيْهِ ٱلنُّشُورُ
﴿15﴾ ءَأَمِنتُم مَّن فِى ٱلسَّمَآءِ أَن يَخْسِفَ بِكُمُ ٱلْأَرْضَ فَإِذَا هِىَ
تَمُورُ ﴿16﴾ أَمْ أَمِنتُم مَّن فِى ٱلسَّمَآءِ أَن يُرْسِلَ عَلَيْكُمْ حَاصِبًا ۖ
فَسَتَعْلَمُونَ كَيْفَ نَذِيرِ ﴿17﴾ وَلَقَدْ كَذَّبَ ٱلَّذِينَ مِن قَبْلِهِمْ فَكَيْفَ
كَانَ نَكِيرِ ﴿18﴾ أَوَلَمْ يَرَوْا۟ إِلَى ٱلطَّيْرِ فَوْقَهُمْ صَٰٓفَّٰتٍ وَيَقْبِضْنَ ۚ مَا
يُمْسِكُهُنَّ إِلَّا ٱلرَّحْمَٰنُ ۚ إِنَّهُۥ بِكُلِّ شَىْءٍۭ بَصِيرٌ ﴿19﴾ أَمَّنْ هَٰذَا ٱلَّذِى
هُوَ جُندٌ لَّكُمْ يَنصُرُكُم مِّن دُونِ ٱلرَّحْمَٰنِ ۚ إِنِ ٱلْكَٰفِرُونَ إِلَّا فِى غُرُورٍ
﴿20﴾ أَمَّنْ هَٰذَا ٱلَّذِى يَرْزُقُكُمْ إِنْ أَمْسَكَ رِزْقَهُۥ ۚ بَل لَّجُّوا۟ فِى عُتُوٍّ
وَنُفُورٍ ﴿21﴾ أَفَمَن يَمْشِى مُكِبًّا عَلَىٰ وَجْهِهِۦٓ أَهْدَىٰٓ أَمَّن يَمْشِى سَوِيًّا
عَلَىٰ صِرَٰطٍ مُّسْتَقِيمٍ ﴿22﴾ قُلْ هُوَ ٱلَّذِىٓ أَنشَأَكُمْ وَجَعَلَ لَكُمُ ٱلسَّمْعَ
وَٱلْأَبْصَٰرَ وَٱلْأَفْـِٔدَةَ ۖ قَلِيلًا مَّا تَشْكُرُونَ ﴿23﴾ قُلْ هُوَ ٱلَّذِى ذَرَأَكُمْ
فِى ٱلْأَرْضِ وَإِلَيْهِ تُحْشَرُونَ ﴿24﴾ وَيَقُولُونَ مَتَىٰ هَٰذَا ٱلْوَعْدُ إِن كُنتُمْ
صَٰدِقِينَ ﴿25﴾ قُلْ إِنَّمَا ٱلْعِلْمُ عِندَ ٱللَّهِ وَإِنَّمَآ أَنَا۠ نَذِيرٌ مُّبِينٌ ﴿26﴾

13. Ostru kliemkom, jew għiduh bil-miftuħ! Huwa tabilħaqq jaf b'kulma hemm fil-qlub.
14. Jaqaw min ħalaq ma jafx? Huwa jaf bl-irqaqat kollha, u kollox jaf sew.
15. Huwa li għamlilkom l-art toqgħod għalikom. Mela imxu *(u siefru)* fl-inħawi tagħha *(għall-qligħ tagħkom)*, u kulu mill-għajxien tiegħu *(ta' Alla)*. Lejh ikun il-qawmien *(mill-imwiet)*.
16. Jaqaw intom *(li ma temmnux)* serraħtu raskom li Dak li jinsab fis-sema ma huwiex se jġiegħel l-art tiblagħkom, meta din titheżżeż?
17. Jew serraħtu raskom li Dak li jinsab fis-sema ma huwiex se jibgħat fuqkom riefnu *(ta' ġebel, bħalma għamel qabel ma' nies Lot, u ma' nies l-Iljunfant)*?[66] Imbagħad se tkunu tafu kif kienet it-twissija tiegħi!
18. Dawk ta' qabilhom *(minn żmien il-qedem)* tassew giddbu *(lill-Profeti)*, u *(ara)* kif kienet il-kundanna tiegħi *(lil dawk il-ġnus u kif ikkastigajthom)*!
19. Mela ma jarawx it-tjur fuqhom, kif jifirxu u jagħlqu l-ġwienaħ *(meta jtiru)*? Ħadd ma jżommhom *(fl-ajru)*, ħlief Dak Kollu Ħniena. Huwa tabilħaqq jara kollox.
20. Jew min hu dan li huwa *(bħal)* armata għalikom *(u jħariskom mill-kastig)*, li jgħinkom minflok Dak Kollu Ħniena? Dawk li ma jemmnux ma humiex ħlief f'qerq.
21. Jew min hu dan li jagħtikom il-ġid għall-għajxien, li kieku *(Alla)* ried iżomm il-ġid tiegħu? Le! Iżda huma għamlu wisq ħażen, u tnaffru *(għal kollox mis-sewwa)*.
22. Jaqaw min jimxi wiċċu lejn l-art jinsab miexi aħjar minn min jimxi sewwa fi triq dritta?
23. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Huwa li ħalaqkom u takom is-smigħ, dawl l-għajnejn u l-qlub *(biex tifhmu, iżda intom)* ftit tiżżu ħajr."
24. Għid*(ilhom)*: "Huwa li kattarkom fl-art, u għandu għad tinġabru."
25. Huma jgħidu: "Meta *(sseħħ)* din il-wegħda, jekk qegħdin tgħidu s-sewwa?"
26. Għid*(ilhom)*: "L-għerf *(dwar dan)* jinsab biss għand Alla, u jiena m'iniex ħlief wieħed li jwissi biċ-ċar *(dwar il-kastig imħejji għall-ħżiena)*."

[66] Nies l-Iljunfant: Ara d-daħla għal Suret l-Iljunfant (numru 105).

فَلَمَّا رَأَوْهُ زُلْفَةً سِيٓـَٔتْ وُجُوهُ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ وَقِيلَ هَٰذَا ٱلَّذِى
كُنتُم بِهِۦ تَدَّعُونَ ﴿27﴾ قُلْ أَرَءَيْتُمْ إِنْ أَهْلَكَنِىَ ٱللَّهُ وَمَن مَّعِىَ
أَوْ رَحِمَنَا فَمَن يُجِيرُ ٱلْكَٰفِرِينَ مِنْ عَذَابٍ أَلِيمٍ ﴿28﴾ قُلْ هُوَ
ٱلرَّحْمَٰنُ ءَامَنَّا بِهِۦ وَعَلَيْهِ تَوَكَّلْنَا ۖ فَسَتَعْلَمُونَ مَنْ هُوَ فِى ضَلَٰلٍ مُّبِينٍ
﴿29﴾ قُلْ أَرَءَيْتُمْ إِنْ أَصْبَحَ مَآؤُكُمْ غَوْرًا فَمَن يَأْتِيكُم بِمَآءٍ مَّعِينٍ ﴿30﴾

سُورَةُ القَلَمِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

نٓ ۚ وَٱلْقَلَمِ وَمَا يَسْطُرُونَ ﴿1﴾ مَآ أَنتَ بِنِعْمَةِ رَبِّكَ بِمَجْنُونٍ ﴿2﴾
وَإِنَّ لَكَ لَأَجْرًا غَيْرَ مَمْنُونٍ ﴿3﴾ وَإِنَّكَ لَعَلَىٰ خُلُقٍ عَظِيمٍ ﴿4﴾
فَسَتُبْصِرُ وَيُبْصِرُونَ ﴿5﴾ بِأَييِّكُمُ ٱلْمَفْتُونُ ﴿6﴾ إِنَّ رَبَّكَ هُوَ
أَعْلَمُ بِمَن ضَلَّ عَن سَبِيلِهِۦ وَهُوَ أَعْلَمُ بِٱلْمُهْتَدِينَ ﴿7﴾ فَلَا تُطِعِ
ٱلْمُكَذِّبِينَ ﴿8﴾ وَدُّوا۟ لَوْ تُدْهِنُ فَيُدْهِنُونَ ﴿9﴾ وَلَا تُطِعْ كُلَّ
حَلَّافٍ مَّهِينٍ ﴿10﴾ هَمَّازٍ مَّشَّآءٍۭ بِنَمِيمٍ ﴿11﴾ مَّنَّاعٍ لِّلْخَيْرِ مُعْتَدٍ
أَثِيمٍ ﴿12﴾ عُتُلٍّۭ بَعْدَ ذَٰلِكَ زَنِيمٍ ﴿13﴾ أَن كَانَ ذَا مَالٍ وَبَنِينَ
﴿14﴾ إِذَا تُتْلَىٰ عَلَيْهِ ءَايَٰتُنَا قَالَ أَسَٰطِيرُ ٱلْأَوَّلِينَ ﴿15﴾

ربع الحزب 57

27. U meta jarawh *(il-kastig)* fil-qrib, jitnikktu uċuh dawk li ma jemmnux, u jingħad *(lilhom)*: "Dan *(il-kastig)* huwa dak li kontu ssejħu *(meta kontu għadkom fid-dinja, u żeblaħtu t-twissijiet ta' Alla, u giddibtuhom)*."
28. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ħabbruni: Sew jekk Alla jeqred lili u lil min jinsab miegħi, sew jekk iħenn għalina, lil dawk li ċaħdu t-twemmin min iħaris*(hom)* minn kastig ta' wġigħ?"
29. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Huwa Dak Kollu Ħniena! Emminna fih u fih nafdaw! Se tkunu tafu min huwa f'telfien mill-aktar ċar."
30. Għid*(ilhom Muħammad)*: "Ħabbruni: Jekk l-ilma tagħkom jgħib ġewwa l-art, min iġibilkom ilma ġieri?"

68. *Sūratu l-Qalam*

(Suret il-Pinna – Niżlet f'Mekka bi 52 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *Nūn. (Naħilfu)* fuq il-pinna u fuq dak li jiktbu *(l-anġli u l-kittieba ġusti)*,
2. *(li)* m'intix *(Muħammad)*, bil-grazzja ta' Sidek, miġnun!
3. Tabilħaqq ikollok ħlas li ma jinqatax *(u jibqa' għal dejjem)*.
4. Inti tabilħaqq ta' karattru mill-aqwa!
5. Se tara *(Muħammad)*, u huma *(dawk li ċaħdu t-twemmin)* se jaraw *(ukoll)*,
6. min huwa l-miġnun fostkom!
7. Sidek tabilħaqq jaf l-aktar b'min tilef triqtu, u Huwa jaf l-aktar b'dawk li qegħdin fit-triq it-tajba.
8. Mela toqgħodx għal dawk li jgiddbu.
9. Huma jixtiequ li kieku inti ċċedi *(xi ftit, Muħammad)* u *(imbagħad huma wkoll)* iċedu *(xi ftit)*.
10. U la toqgħodx għal kull imkasbar li dejjem jaħlef,
11. dejjem iqasqas *(fuq ħaddieħor)* u *(il-ħin kollu)* għaddej jikxef x'qal ħaddieħor biex jaqla' l-inkwiet,
12. li ma jħallix *(li jsir)* il-ġid *(anzi jfixklu)*, jikser il-liġi, u huwa kollu ħtija,
13. kiefer u, barra minn dan, ma huwiex ta' nisel tajjeb.
14. *(Jaqaw qiegħed jaqla' l-gideb)* għaliex għandu ġid u wlied *(flok jiżżi ħajr lil Alla u jgħid is-sewwa)*?
15. Meta jinqrawlu l-versi tagħna, jgħid: "*(Dawn)* stejjer ta' nies il-qedem!"

سَنَسِمُهُۥ عَلَى ٱلْخُرْطُومِ ﴿16﴾ إِنَّا بَلَوْنَٰهُمْ كَمَا بَلَوْنَآ أَصْحَٰبَ ٱلْجَنَّةِ إِذْ أَقْسَمُوا۟
لَيَصْرِمُنَّهَا مُصْبِحِينَ ﴿17﴾ وَلَا يَسْتَثْنُونَ ﴿18﴾ فَطَافَ عَلَيْهَا طَآئِفٌ مِّن رَّبِّكَ
وَهُمْ نَآئِمُونَ ﴿19﴾ فَأَصْبَحَتْ كَٱلصَّرِيمِ ﴿20﴾ فَتَنَادَوْا۟ مُصْبِحِينَ ﴿21﴾ أَنِ
ٱغْدُوا۟ عَلَىٰ حَرْثِكُمْ إِن كُنتُمْ صَٰرِمِينَ ﴿22﴾ فَٱنطَلَقُوا۟ وَهُمْ يَتَخَٰفَتُونَ ﴿23﴾
أَن لَّا يَدْخُلَنَّهَا ٱلْيَوْمَ عَلَيْكُم مِّسْكِينٌ ﴿24﴾ وَغَدَوْا۟ عَلَىٰ حَرْدٍ قَٰدِرِينَ ﴿25﴾ فَلَمَّا
رَأَوْهَا قَالُوٓا۟ إِنَّا لَضَآلُّونَ ﴿26﴾ بَلْ نَحْنُ مَحْرُومُونَ ﴿27﴾ قَالَ أَوْسَطُهُمْ أَلَمْ أَقُل
لَّكُمْ لَوْلَا تُسَبِّحُونَ ﴿28﴾ قَالُوا۟ سُبْحَٰنَ رَبِّنَآ إِنَّا كُنَّا ظَٰلِمِينَ ﴿29﴾ فَأَقْبَلَ
بَعْضُهُمْ عَلَىٰ بَعْضٍ يَتَلَٰوَمُونَ ﴿30﴾ قَالُوا۟ يَٰوَيْلَنَآ إِنَّا كُنَّا طَٰغِينَ ﴿31﴾ عَسَىٰ
رَبُّنَآ أَن يُبْدِلَنَا خَيْرًا مِّنْهَآ إِنَّآ إِلَىٰ رَبِّنَا رَٰغِبُونَ ﴿32﴾ كَذَٰلِكَ ٱلْعَذَابُ ۖ وَلَعَذَابُ
ٱلْءَاخِرَةِ أَكْبَرُ ۚ لَوْ كَانُوا۟ يَعْلَمُونَ ﴿33﴾ إِنَّ لِلْمُتَّقِينَ عِندَ رَبِّهِمْ جَنَّٰتِ ٱلنَّعِيمِ
﴿34﴾ أَفَنَجْعَلُ ٱلْمُسْلِمِينَ كَٱلْمُجْرِمِينَ ﴿35﴾ مَا لَكُمْ كَيْفَ تَحْكُمُونَ ﴿36﴾ أَمْ
لَكُمْ كِتَٰبٌ فِيهِ تَدْرُسُونَ ﴿37﴾ إِنَّ لَكُمْ فِيهِ لَمَا تَخَيَّرُونَ ﴿38﴾ أَمْ لَكُمْ أَيْمَٰنٌ
عَلَيْنَا بَٰلِغَةٌ إِلَىٰ يَوْمِ ٱلْقِيَٰمَةِ ۙ إِنَّ لَكُمْ لَمَا تَحْكُمُونَ ﴿39﴾ سَلْهُمْ أَيُّهُم
بِذَٰلِكَ زَعِيمٌ ﴿40﴾ أَمْ لَهُمْ شُرَكَآءُ فَلْيَأْتُوا۟ بِشُرَكَآئِهِمْ إِن كَانُوا۟ صَٰدِقِينَ ﴿41﴾
يَوْمَ يُكْشَفُ عَن سَاقٍ وَيُدْعَوْنَ إِلَى ٱلسُّجُودِ فَلَا يَسْتَطِيعُونَ ﴿42﴾

16. Se nħallulu marka fuq imnieħru *(biex jingħaraf sa mewtu)*.[67]
17. Aħna tabilħaqq ġarrabniehom *(lill-Mekkin bil-ġuħ u bil-għatx)* bħalma ġarrabna nies il-ġnien, meta *(fix-xeħħa tagħhom)* ħalfu li jaqtgħu l-frott mas-sebħ *(qabel ma joħorġu l-foqra)*.[68]
18. u ma għamlu ebda eċċezzjoni *(bil-kliem "Jekk Alla jrid.")*.
19. Għalhekk *(il-ġnien)* dar għalih kastig minn Sidek, huma u reqdin,
20. u mas-sebħ *(il-ġnien)* sar bħallikieku maħsud *(mill-frott tiegħu)*.
21. Għalhekk mas-sebħ *(nies il-ġnien)* sejħu lil xulxin:
22. "Oħorġu filgħodu lejn ir-raba' tagħkom, jekk se taqtgħu l-frott!"
23. Għalhekk telqu, huma u jitkellmu minn taħt l-ilsien:
24. "Ara li llum *(fil-ġnien)* ma jidħol fuqkom ebda faqir!"
25. U filgħodu marru b'fehma sħiħa *(u ħasbu)* li setgħu *(iżommu l-foqra milli jidħlu fil-ġnien)*.
26. Iżda meta rawh qalu: "*(Fejn aħna?)* Aħna tabilħaqq intlifna!
27. Le *(ma ntlifniex, iżda)* aħna mċaħħdin *(minn frott il-ġnien)*."
28. L-aħjar fosthom qal*(ilhom)*: "Jaqaw ma għedtilkomx: Għaliex ma ssebbħux *(lil Alla u tindmu)*?"
29. Huma qalu: "Sebħ lil Sidna! Aħna tabilħaqq konna ħżiena!"
30. Għalhekk resqu lejn xulxin, jitlewmu *(u jwaħħlu f'xulxin)*.
31. Qalu: "Ħażin għalina! Aħna konna tabilħaqq ħżiena għall-aħħar!
32. Għandu mnejn Sidna jbiddlilna *(dan il-ġnien)* ma' xi ħaġa aħjar minnu. Aħna tabilħaqq induru u nitolbu lil Sidna."
33. Hekk ikun il-kastig! U l-kastig ta' l-Oħra *(tal-Ħajja l-Oħra)* huwa akbar *(minn dak ta' din id-dinja)*, li kieku kienu jafu!
34. Tabilħaqq li dawk li jibżgħu minn Alla jkollhom għand Sidhom il-Ġonna ta' l-hena.
35. Jaqaw se nimxu mal-Misilmin bħallikieku mal-ħatjin?
36. X'għandkom? Kif tagħmlu ħaqq *(b'mod daqshekk inġust)*?
37. Jew għandkom xi ktieb *(ieħor)*, u minnu titgħallmu
38. li fih għandkom x'tagħżlu *(kif tixtieq qalbkom)*?
39. Jew għandkom pattijiet maħlufa magħna, li jwasslu sa Jum il-Qawmien, *(li jwiegħdu)* li jkollkom kulma tiddeċiedu?
40. Staqsihom *(Muħammad)* min, fosthom, jagħmel tajjeb għal dan.
41. Jew għandhom ixirka *(minbarra Alla)*? *(Jekk għandhom)* mela halli jġibu l-ixirka tagħhom, jekk qegħdin jgħidu s-sewwa!
42. *(Ftakar)* meta fil-Jum iebes *(tal-Qawmien mill-imwiet, dawk li jiċħdu t-twemmin)* jissejħu biex jinxtehtu wiċċhom fl-art *(b'qima lil Alla)*, iżda ma jkunux jistgħu.

---

[67] Dan hu l-pagan 'al-Walīd ibn al-Mughīra, għadu ta' l-Islam.
[68] Ara n-nota dwar dan il-vers taħt "Nies il-Ġnien" fit-Tagħrif Ġenerali.

خَشِعَةً أَبْصَٰرُهُمْ تَرْهَقُهُمْ ذِلَّةٌ ۚ وَقَدْ كَانُوا۟ يُدْعَوْنَ إِلَى ٱلسُّجُودِ وَهُمْ سَٰلِمُونَ
(43) فَذَرْنِى وَمَن يُكَذِّبُ بِهَٰذَا ٱلْحَدِيثِ ۖ سَنَسْتَدْرِجُهُم مِّنْ حَيْثُ
لَا يَعْلَمُونَ (44) وَأُمْلِى لَهُمْ ۚ إِنَّ كَيْدِى مَتِينٌ (45) أَمْ تَسْـَٔلُهُمْ أَجْرًا فَهُم
مِّن مَّغْرَمٍ مُّثْقَلُونَ (46) أَمْ عِندَهُمُ ٱلْغَيْبُ فَهُمْ يَكْتُبُونَ (47) فَٱصْبِرْ
لِحُكْمِ رَبِّكَ وَلَا تَكُن كَصَاحِبِ ٱلْحُوتِ إِذْ نَادَىٰ وَهُوَ مَكْظُومٌ (48) لَّوْلَآ
أَن تَدَٰرَكَهُۥ نِعْمَةٌ مِّن رَّبِّهِۦ لَنُۢبِذَ بِٱلْعَرَآءِ وَهُوَ مَذْمُومٌ (49) فَٱجْتَبَٰهُ رَبُّهُۥ
فَجَعَلَهُۥ مِنَ ٱلصَّٰلِحِينَ (50) وَإِن يَكَادُ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لَيُزْلِقُونَكَ بِأَبْصَٰرِهِمْ
لَمَّا سَمِعُوا۟ ٱلذِّكْرَ وَيَقُولُونَ إِنَّهُۥ لَمَجْنُونٌ (51) وَمَا هُوَ إِلَّا ذِكْرٌ لِّلْعَٰلَمِينَ (52)

سُورَةُ الحَاقَّة

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

نصف الحزب 57

ٱلْحَآقَّةُ (1) مَا ٱلْحَآقَّةُ (2) وَمَآ أَدْرَىٰكَ مَا ٱلْحَآقَّةُ (3) كَذَّبَتْ ثَمُودُ
وَعَادٌۢ بِٱلْقَارِعَةِ (4) فَأَمَّا ثَمُودُ فَأُهْلِكُوا۟ بِٱلطَّاغِيَةِ (5) وَأَمَّا
عَادٌ فَأُهْلِكُوا۟ بِرِيحٍ صَرْصَرٍ عَاتِيَةٍ (6) سَخَّرَهَا عَلَيْهِمْ
سَبْعَ لَيَالٍ وَثَمَٰنِيَةَ أَيَّامٍ حُسُومًا ۙ فَتَرَى ٱلْقَوْمَ فِيهَا صَرْعَىٰ
كَأَنَّهُمْ أَعْجَازُ نَخْلٍ خَاوِيَةٍ (7) فَهَلْ تَرَىٰ لَهُم مِّنۢ بَاقِيَةٍ (8)

43. *(Dawk iżommu)* ħarsithom 'l isfel; it-tkasbir jegħlibhom. *(Meta kienu għadhom fid-dinja)* kienu msejħa biex imilu *(u jagħtu qima)*, meta kienu *(għadhom)* qawwijin u sħaħ *(iżda dak iż-żmien ma ridux)*.
44. Mela ħallini *(Muħammad)* ma' min igiddeb dan il-kliem *(biex nieħu ħsiebu kif jixraq)*! Se mmexxuhom, tarġa tarġa *(lejn il-qerda tagħhom)*, bla ma jafu minn fejn.
45. Jiena nagħtihom aktar żmien *(biex iżidu fi ħtijiethom)*. Tabilħaqq li n-nasba tiegħi fis-sod.
46. Jaqaw int *(Muħammad)* titlobhom ħlas *(talli xxandrilhom il-Kelma ta' Alla)*, u għalhekk jinsabu mtaqqlin bid-dejn?
47. Jew għandhom *(l-għarfien dwar)* il-mistur, u għalhekk jiktbu *(dwaru)*?
48. Mela stenna *(Muħammad)* bis-sabar l-amar ta' Alla u la tkunx *(mgħaġġel u bla sabar)* bħal Dak tal-Ħuta *(Ġona)* meta sejjaħ *(lil Sidu)* fil-hemm kbir tiegħu *(meta kien f il-ħuta)*.
49. Li kieku mhux għaliex laħqitu grazzja minn Sidu, kien jinxteħet 'il barra, fil-beraħ, imkasbar.
50. Għalhekk Sidu għażlu *(għalih innifsu)* u għamlu mill-ġusti.
51. U ara *(Muħammad)*; dawk li ma jemmnux ikunu għoddhom waqqgħuk b'ħarsithom meta jisimgħu t-tifkira *(u t-twissija li inti twissihom)*, u jgħidu: "Huwa tabilħaqq miġnun!"
52. *(Dan il-Qoran)* ma huwiex ħlief tifkira lill-ħolqien.

69. *Sūratu l-Ħāqqa*

(Suret Dik li sseħħ żgur – Niżlet f'Mekka bi 52 vers)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Ħanin.

1. Dik li sseħħ żgur *(il-qawma mill-imwiet)*!
2. X'inhi dik li sseħħ żgur?
3. U x'inhu li jgħarrfek *(Muħammad)* x'inhi dik li sseħħ żgur?
4. *(Nies)* Ṯamūd u Għād giddbu t-taħbit il-kbir *(ta' Jum il-Qawmien)*.
5. Filwaqt li Ṯamud inqerdu b'sajjetta,
6. Għād inqerdu b'riefnu kiesaħ, qalil.
7. *(Alla)* żammu fuqhom *(ir-riefnu)* għal seba' ljieli u tmint ijiem sħaħ *(bla waqfien)*, u stajt tara lin-nies mixħutin fl-art bħal zkuk vojta tas-siġar tal-palm.
8. Qiegħed tara *(Muħammad)* xi fdal tagħhom?

وَجَآءَ فِرْعَوْنُ وَمَن قَبْلَهُۥ وَٱلْمُؤْتَفِكَٰتُ بِٱلْخَاطِئَةِ ﴿9﴾ فَعَصَوْا۟ رَسُولَ
رَبِّهِمْ فَأَخَذَهُمْ أَخْذَةً رَّابِيَةً ﴿10﴾ إِنَّا لَمَّا طَغَا ٱلْمَآءُ حَمَلْنَٰكُمْ فِى ٱلْجَارِيَةِ
﴿11﴾ لِنَجْعَلَهَا لَكُمْ تَذْكِرَةً وَتَعِيَهَآ أُذُنٌ وَٰعِيَةٌ ﴿12﴾ فَإِذَا نُفِخَ فِى ٱلصُّورِ
نَفْخَةٌ وَٰحِدَةٌ ﴿13﴾ وَحُمِلَتِ ٱلْأَرْضُ وَٱلْجِبَالُ فَدُكَّتَا دَكَّةً وَٰحِدَةً ﴿14﴾
فَيَوْمَئِذٍ وَقَعَتِ ٱلْوَاقِعَةُ ﴿15﴾ وَٱنشَقَّتِ ٱلسَّمَآءُ فَهِىَ يَوْمَئِذٍ وَاهِيَةٌ
﴿16﴾ وَٱلْمَلَكُ عَلَىٰٓ أَرْجَآئِهَا ۚ وَيَحْمِلُ عَرْشَ رَبِّكَ فَوْقَهُمْ يَوْمَئِذٍ ثَمَٰنِيَةٌ
﴿17﴾ يَوْمَئِذٍ تُعْرَضُونَ لَا تَخْفَىٰ مِنكُمْ خَافِيَةٌ ﴿18﴾ فَأَمَّا مَنْ أُوتِىَ
كِتَٰبَهُۥ بِيَمِينِهِۦ فَيَقُولُ هَآؤُمُ ٱقْرَءُوا۟ كِتَٰبِيَهْ ﴿19﴾ إِنِّى ظَنَنتُ أَنِّى مُلَٰقٍ
حِسَابِيَهْ ﴿20﴾ فَهُوَ فِى عِيشَةٍ رَّاضِيَةٍ ﴿21﴾ فِى جَنَّةٍ عَالِيَةٍ ﴿22﴾
قُطُوفُهَا دَانِيَةٌ ﴿23﴾ كُلُوا۟ وَٱشْرَبُوا۟ هَنِيٓـًٔۢا بِمَآ أَسْلَفْتُمْ فِى ٱلْأَيَّامِ
ٱلْخَالِيَةِ ﴿24﴾ وَأَمَّا مَنْ أُوتِىَ كِتَٰبَهُۥ بِشِمَالِهِۦ فَيَقُولُ يَٰلَيْتَنِى لَمْ أُوتَ كِتَٰبِيَهْ
﴿25﴾ وَلَمْ أَدْرِ مَا حِسَابِيَهْ ﴿26﴾ يَٰلَيْتَهَا كَانَتِ ٱلْقَاضِيَةَ ﴿27﴾ مَآ أَغْنَىٰ
عَنِّى مَالِيَهْ ﴿28﴾ هَلَكَ عَنِّى سُلْطَٰنِيَهْ ﴿29﴾ خُذُوهُ فَغُلُّوهُ ﴿30﴾ ثُمَّ ٱلْجَحِيمَ
صَلُّوهُ ﴿31﴾ ثُمَّ فِى سِلْسِلَةٍ ذَرْعُهَا سَبْعُونَ ذِرَاعًا فَٱسْلُكُوهُ ﴿32﴾ إِنَّهُۥ
كَانَ لَا يُؤْمِنُ بِٱللَّهِ ٱلْعَظِيمِ ﴿33﴾ وَلَا يَحُضُّ عَلَىٰ طَعَامِ ٱلْمِسْكِينِ ﴿34﴾

سكتة لطيفة على هاء مالية

9. U l-Fargħun, dawk ta' qablu, u l-bliet *(ta' Sodoma u Gomorra)* li nqalbu ta' taħt fuq, ġew bil-ħtija *(taċ-ċaħda tat-twemmin)*.
10. Huma ma qagħdux għall-Mibgħut ta' Sidhom. Għalhekk *(Alla)* ħadhom *(għal għarrieda u kkastigahom)* bil-kbir.
11. Meta l-ilma għola żżejjed, Aħna tabilħaqq ġarrejniekom fil-mirkeb,
12. biex nagħmluh tifkira għalikom, u biex il-widna li tiftakar *(il-ġrajjiet li tisma')* tiftakarha *(ukoll il-ġrajja tad-dilluvju)*.
13. U meta tindaqq it-trumbetta, b'nefħa waħda *(li tħabbar il-qerda tad-dinja u l-wasla ta' Jum il-Ġudizzju)*,
14. u l-art u l-iġbla jinqalgħu u jitfarrku f'tifrika waħda,
15. dakinhar isseħħ il-ġrajja *(ta' Jum il-Qawmien)*.
16. U s-sema jixxaqqaq, u dakinhar ikun merħi,
17. u l-anġli jkunu ma' trufu. Dakinhar tmienja *(jkunu l-anġli li)* iġorru fuqhom it-Tron ta' Sidek.
18. Dakinhar tintwerew *(quddiem Alla)*. Ma jinħeba ebda sigriet dwarkom.
19. Min jingħata l-ktieb *(ta' l-għemejjel)* tiegħu f'idu l-leminija, jgħid: "Hawn, aqraw il-ktieb tiegħi!
20. Jiena kont nemmen li se nsib il-kont tiegħi *(f'dan il-Jum)*."
21. Huwa jkun f'għajxien hieni,
22. fi Ġnien għoli *(fl-Għeden)*;
23. il-frott tiegħu jkun fil-qrib.
24. *(Imbagħad jingħad lill-ġusti:)* "Kulu u ixorbu għal qalbkom, ta' dak *(is-sewwa)* li għamiltu qabel, fil-jiem l-imgħoddija *(meta kontu għadkom fid-dinja)*."
25. Iżda min jingħata l-ktieb *(ta' l-għemejjel)* tiegħu f'idu x-xellugija, jgħid: "Aħjar li ma ngħatajtx il-ktieb tiegħi,
26. u *(aħjar li)* ma kontx naf il-kont tiegħi *(li għandi nħallas)*!
27. Mhux li kienet *(mewti)* ġabitni fix-xejn *(u ma nerġax nitqajjem għal ħajja oħra)*!
28. Xejn ma swieli ġidi!
29. Is-setgħa tiegħi għebet u telqitni *(u issa ninsab waħdi, u ħadd ma huwa se jgħinni)*."
30. *(Jingħad lill-għassiesa ta' l-Infern:)* "Ħuduh u orbtuh,
31. imbagħad aħarquh fin-Nar iħeġġeġ,
32. imbagħad daħħluh f'katina twila sebgħin driegħ!"
33. Tabilħaqq li huwa ma kienx jemmen f'Alla l-Kbir,
34. u lanqas ma ħeġġeġ *(lil ħaddieħor)* biex il-fqir ikun mitmugħ.

فَلَيْسَ لَهُ ٱلْيَوْمَ هَٰهُنَا حَمِيمٌ ﴿35﴾ وَلَا طَعَامٌ إِلَّا مِنْ غِسْلِينٍ ﴿36﴾ لَّا يَأْكُلُهُۥٓ
إِلَّا ٱلْخَٰطِـُٔونَ ﴿37﴾ فَلَآ أُقْسِمُ بِمَا تُبْصِرُونَ ﴿38﴾ وَمَا لَا تُبْصِرُونَ ﴿39﴾
إِنَّهُۥ لَقَوْلُ رَسُولٍ كَرِيمٍ ﴿40﴾ وَمَا هُوَ بِقَوْلِ شَاعِرٍ ۚ قَلِيلًا مَّا تُؤْمِنُونَ ﴿41﴾
وَلَا بِقَوْلِ كَاهِنٍ ۚ قَلِيلًا مَّا تَذَكَّرُونَ ﴿42﴾ تَنزِيلٌ مِّن رَّبِّ ٱلْعَٰلَمِينَ ﴿43﴾ وَلَوْ
تَقَوَّلَ عَلَيْنَا بَعْضَ ٱلْأَقَاوِيلِ ﴿44﴾ لَأَخَذْنَا مِنْهُ بِٱلْيَمِينِ ﴿45﴾ ثُمَّ لَقَطَعْنَا
مِنْهُ ٱلْوَتِينَ ﴿46﴾ فَمَا مِنكُم مِّنْ أَحَدٍ عَنْهُ حَٰجِزِينَ ﴿47﴾ وَإِنَّهُۥ لَتَذْكِرَةٌ
لِّلْمُتَّقِينَ ﴿48﴾ وَإِنَّا لَنَعْلَمُ أَنَّ مِنكُم مُّكَذِّبِينَ ﴿49﴾ وَإِنَّهُۥ لَحَسْرَةٌ عَلَى
ٱلْكَٰفِرِينَ ﴿50﴾ وَإِنَّهُۥ لَحَقُّ ٱلْيَقِينِ ﴿51﴾ فَسَبِّحْ بِٱسْمِ رَبِّكَ ٱلْعَظِيمِ ﴿52﴾

سُورَةُ المَعَارِجِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

سَأَلَ سَآئِلٌۢ بِعَذَابٍ وَاقِعٍ ﴿1﴾ لِّلْكَٰفِرِينَ لَيْسَ لَهُۥ دَافِعٌ ﴿2﴾ مِّنَ
ٱللَّهِ ذِى ٱلْمَعَارِجِ ﴿3﴾ تَعْرُجُ ٱلْمَلَٰٓئِكَةُ وَٱلرُّوحُ إِلَيْهِ فِى
يَوْمٍ كَانَ مِقْدَارُهُۥ خَمْسِينَ أَلْفَ سَنَةٍ ﴿4﴾ فَٱصْبِرْ صَبْرًا جَمِيلًا ﴿5﴾
إِنَّهُمْ يَرَوْنَهُۥ بَعِيدًا ﴿6﴾ وَنَرَىٰهُ قَرِيبًا ﴿7﴾ يَوْمَ تَكُونُ ٱلسَّمَآءُ كَٱلْمُهْلِ
﴿8﴾ وَتَكُونُ ٱلْجِبَالُ كَٱلْعِهْنِ ﴿9﴾ وَلَا يَسْـَٔلُ حَمِيمٌ حَمِيمًا ﴿10﴾

35. Għalhekk hawn, illum, ma għandux ħabib
36. u lanqas ikel, ħlief it-tnixxija *(tinten mill-ġrieħi ta' nies l-Infern)*.
37. Ma jikluhiex għajr il-ħatjin!
38. Għalhekk tabilħaqq naħlef fuq dak li taraw,
39. u *(fuq)* dak li ma tarawx:
40. dan huwa tabilħaqq kliem ta' Mibgħut mogħni bil-ġieħ,
41. u ma huwiex kliem xi poeta, *(iżda)* ftit huwa dak li temmnu.
42. Lanqas ma huwa kliem xi bassar. Ftit huwa dak li tiftakru.
43. *(Huwa)* tinżil *(bir-Rivelazzjoni)* minn Sid il-ħolqien!
44. U kieku *(Muħammad)* qala' minn żniedu, f'isimna, xi kliem *(u qal li Aħna għednieh)*,
45. konna tassew naqbduh bis-setgħa *(tagħna biex nikkastigawh)*,
46. imbagħad konna naqtgħulu l-arterja ta' qalbu!
47. Ħadd minnkom ma kien ikun jista' jħarsu *(mill-kastig)*.
48. *(Il-Qoran)* huwa tabilħaqq tifkira għal dawk li jibżgħu minn Alla,
49. u Aħna tassew nafu li hemm minnkom li jgiddbu.
50. Huwa tabilħaqq ħasra għal dawk li ma jemmnux.
51. U *(il-Qoran)* huwa tabilħaqq is-sewwa żgur!
52. Mela sebbaħ Isem Sidek il-Kbir!

70. *Sūratu l-Maghāriġ*

(Suret Turġien it-Tlugh – Niżlet f'Mekka b'44 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Xi ħadd *(pagan)* talab il-kastig *(ta' Alla)* li *(żgur)* ġej
2. għal dawk li ma jemmnux, u ma għandux min iżommu *(milli jseħħ)*:
3. *(kastig)* minn Alla li għandu turġien it-tlugħ.
4. L-anġli u r-ruħ *(l-anġlu Gabrijel)* jitilgħu lejh f'Jum twil daqs ħamsin elf sena *(Jum il-Qawmien)*.
5. Mela stabar *(Muħammad)* b'sabar tajjeb *(kif jixraq, u tħallix lill-pagani jkidduk)*.
6. Huma tabilħaqq li *(il-kastig)* jarawh imbiegħed,
7. iżda Aħna narawh qrib.
8. Fil-Jum meta s-sema jkun bħar-ram imdewweb,
9. u l-iġbla jkunu bħas-suf,
10. u l-ħabib ma jistaqsix għal ħabib*(u)*,

يُبَصَّرُونَهُمْ ۚ يَوَدُّ ٱلْمُجْرِمُ لَوْ يَفْتَدِى مِنْ عَذَابِ يَوْمِئِذٍۭ بِبَنِيهِ ﴿11﴾
وَصَٰحِبَتِهِۦ وَأَخِيهِ ﴿12﴾ وَفَصِيلَتِهِ ٱلَّتِى تُـْٔوِيهِ ﴿13﴾ وَمَن فِى ٱلْأَرْضِ
جَمِيعًا ثُمَّ يُنجِيهِ ﴿14﴾ كَلَّآ ۖ إِنَّهَا لَظَىٰ ﴿15﴾ نَزَّاعَةً لِّلشَّوَىٰ ﴿16﴾ تَدْعُوا۟
مَنْ أَدْبَرَ وَتَوَلَّىٰ ﴿17﴾ وَجَمَعَ فَأَوْعَىٰٓ ﴿18﴾ ۞ إِنَّ ٱلْإِنسَٰنَ خُلِقَ هَلُوعًا
﴿19﴾ إِذَا مَسَّهُ ٱلشَّرُّ جَزُوعًا ﴿20﴾ وَإِذَا مَسَّهُ ٱلْخَيْرُ مَنُوعًا ﴿21﴾ إِلَّا
ٱلْمُصَلِّينَ ﴿22﴾ ٱلَّذِينَ هُمْ عَلَىٰ صَلَاتِهِمْ دَآئِمُونَ ﴿23﴾ وَٱلَّذِينَ فِىٓ
أَمْوَٰلِهِمْ حَقٌّ مَّعْلُومٌ ﴿24﴾ لِّلسَّآئِلِ وَٱلْمَحْرُومِ ﴿25﴾ وَٱلَّذِينَ يُصَدِّقُونَ
بِيَوْمِ ٱلدِّينِ ﴿26﴾ وَٱلَّذِينَ هُم مِّنْ عَذَابِ رَبِّهِم مُّشْفِقُونَ ﴿27﴾ إِنَّ عَذَابَ
رَبِّهِمْ غَيْرُ مَأْمُونٍ ﴿28﴾ وَٱلَّذِينَ هُمْ لِفُرُوجِهِمْ حَٰفِظُونَ ﴿29﴾ إِلَّا عَلَىٰٓ
أَزْوَٰجِهِمْ أَوْ مَا مَلَكَتْ أَيْمَٰنُهُمْ فَإِنَّهُمْ غَيْرُ مَلُومِينَ ﴿30﴾ فَمَنِ ٱبْتَغَىٰ وَرَآءَ
ذَٰلِكَ فَأُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْعَادُونَ ﴿31﴾ وَٱلَّذِينَ هُمْ لِأَمَٰنَٰتِهِمْ وَعَهْدِهِمْ رَٰعُونَ
﴿32﴾ وَٱلَّذِينَ هُم بِشَهَٰدَٰتِهِمْ قَآئِمُونَ ﴿33﴾ وَٱلَّذِينَ هُمْ عَلَىٰ صَلَاتِهِمْ يُحَافِظُونَ
﴿34﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ فِى جَنَّٰتٍ مُّكْرَمُونَ ﴿35﴾ فَمَالِ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ قِبَلَكَ مُهْطِعِينَ
﴿36﴾ عَنِ ٱلْيَمِينِ وَعَنِ ٱلشِّمَالِ عِزِينَ ﴿37﴾ أَيَطْمَعُ كُلُّ ٱمْرِئٍ مِّنْهُمْ
أَن يُدْخَلَ جَنَّةَ نَعِيمٍ ﴿38﴾ كَلَّآ ۖ إِنَّا خَلَقْنَٰهُم مِّمَّا يَعْلَمُونَ ﴿39﴾

ثلاثة أرباع الحزب 57

11. *(għalkemm)* ikunu mġiegħla jħarsu lejn xulxin *(u jagħrfu lil xulxin)*. Dakinhar il-ħati jkun jixtieq jinfeda mill-kastig b'uliedu *(billi jibgħat lilhom għall-kastig)*,
12. u b'seħbitu *(martu)* u b'ħuh,
13. u bi qrabatu li tawh kenn,
14. u b'kulmin jinsab fl-art. Imbagħad *(jittama li dan)* jeħilsu *(mill-kastig tan-Nar iheġġeġ)*.
15. Mela le! Hija tabilħaqq Ħuġġieġa,
16. li taqla' l-ġilda tar-ras,
17. u ssejjaħ lil min ta dahru u ma tax widen *(lill-Mibgħutin ta' Alla)*,
18. u ġema' *(il-ġid tad-dinja)* u refgħu *(u ma tax lill-fqar)*.
19. Il-bniedem tabilħaqq inħalaq imbeżża' *(u dejjem għandu xi ħaġa li tkiddu)*.
20. Meta jmissu d-deni *(sew jekk mard u sew jekk faqar, arah)* bla sabar u tama,
21. u meta jmissu l-ġid *(sew jekk saħħa u sew jekk għana, arah)* iżomm*(u għalih biss)*,
22. ħlief dawk li jitolbu.
23. Dawk li dejjem medħija fit-talb tagħhom,
24. u dawk li f'ġidhom hemm jedd magħruf *(iż-żakāt, li hi l-karità li l-Mislem obbligat jagħti)*
25. lit-tallab u lill-imċaħħad,
26. u dawk li jemmnu f'Jum il-Ħaqq,
27. u li huma mbeżżgħin mill-kastig ta' Sidhom -
28. tabilħaqq li l-kastig ta' Sidhom ma fihx serħan il-moħħ -
29. u dawk li jħarsu l-partijiet privati ta' ġisimhom *(minn atti sesswali illegali)*,
30. *(u ma jersqux)* ħlief lejn żwieġhom, jew lejn dawk *(in-nisa lsiera)* li għandhom f'idejhom, u għalhekk ma humiex ta' min ilumhom -
31. iżda min ifittex aktar minn dak *(li huwa permess)*, dawk ikunu *(il-ħatjin)* li jaqbżu l-limiti -
32. u dawk li jħarsu l-onestà u r-rabta tagħhom *(li jkunu fidili ma' nieshom)*,
33. u dawk li jwettqu x-xhidiet tagħhom,
34. u dawk li jħarsu t-talb tagħhom,
35. dawk ikunu f'Ġonna mweġġħin!
36. Xi ġralhom *(Muħammad)* dawk li ma jemmnux, ġejjin jgħaġġlu *(u jiċċassaw)* lejk,
37. fuq il-lemin u fuq ix-xellug, f'ġemgħat *(sħaħ)*?
38. Jaqaw kull wieħed minnhom jittama li jidħol fi Ġnien il-hena?
39. Mela le! Aħna tabilħaqq ħlaqniehom minn dak li jafu *(minn nitfa ta' sperma, u għalhekk ma għandhomx għalfejn jitkabbru)*.

فَلَآ أُقۡسِمُ بِرَبِّ ٱلۡمَشَٰرِقِ وَٱلۡمَغَٰرِبِ إِنَّا لَقَٰدِرُونَ ﴿40﴾ عَلَىٰٓ أَن نُّبَدِّلَ خَيۡرٗا مِّنۡهُمۡ
وَمَا نَحۡنُ بِمَسۡبُوقِينَ ﴿41﴾ فَذَرۡهُمۡ يَخُوضُواْ وَيَلۡعَبُواْ حَتَّىٰ يُلَٰقُواْ يَوۡمَهُمُ ٱلَّذِي
يُوعَدُونَ ﴿42﴾ يَوۡمَ يَخۡرُجُونَ مِنَ ٱلۡأَجۡدَاثِ سِرَاعٗا كَأَنَّهُمۡ إِلَىٰ نُصُبٖ يُوفِضُونَ
﴿43﴾ خَٰشِعَةً أَبۡصَٰرُهُمۡ تَرۡهَقُهُمۡ ذِلَّةٞۚ ذَٰلِكَ ٱلۡيَوۡمُ ٱلَّذِي كَانُواْ يُوعَدُونَ ﴿44﴾

سُورَةُ نُوحٖ

بِسۡمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحۡمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

إِنَّآ أَرۡسَلۡنَا نُوحًا إِلَىٰ قَوۡمِهِۦٓ أَنۡ أَنذِرۡ قَوۡمَكَ مِن قَبۡلِ أَن يَأۡتِيَهُمۡ
عَذَابٌ أَلِيمٞ ﴿1﴾ قَالَ يَٰقَوۡمِ إِنِّي لَكُمۡ نَذِيرٞ مُّبِينٌ ﴿2﴾ أَنِ ٱعۡبُدُواْ
ٱللَّهَ وَٱتَّقُوهُ وَأَطِيعُونِ ﴿3﴾ يَغۡفِرۡ لَكُم مِّن ذُنُوبِكُمۡ وَيُؤَخِّرۡكُمۡ
إِلَىٰٓ أَجَلٖ مُّسَمًّىۚ إِنَّ أَجَلَ ٱللَّهِ إِذَا جَآءَ لَا يُؤَخَّرُۖ لَوۡ كُنتُمۡ تَعۡلَمُونَ
﴿4﴾ قَالَ رَبِّ إِنِّي دَعَوۡتُ قَوۡمِي لَيۡلٗا وَنَهَارٗا ﴿5﴾ فَلَمۡ يَزِدۡهُمۡ دُعَآءِيٓ إِلَّا
فِرَارٗا ﴿6﴾ وَإِنِّي كُلَّمَا دَعَوۡتُهُمۡ لِتَغۡفِرَ لَهُمۡ جَعَلُوٓاْ أَصَٰبِعَهُمۡ
فِيٓ ءَاذَانِهِمۡ وَٱسۡتَغۡشَوۡاْ ثِيَابَهُمۡ وَأَصَرُّواْ وَٱسۡتَكۡبَرُواْ ٱسۡتِكۡبَارٗا
﴿7﴾ ثُمَّ إِنِّي دَعَوۡتُهُمۡ جِهَارٗا ﴿8﴾ ثُمَّ إِنِّيٓ أَعۡلَنتُ لَهُمۡ وَأَسۡرَرۡتُ
لَهُمۡ إِسۡرَارٗا ﴿9﴾ فَقُلۡتُ ٱسۡتَغۡفِرُواْ رَبَّكُمۡ إِنَّهُۥ كَانَ غَفَّارٗا ﴿10﴾

40. Jiena tabilħaqq naħlef b'Sid l-inħawi minn fejn titla' x-xemx u minn fejn tinżel illi Aħna għandna s-setgħa
41. li nbiddluhom ma' *(min hu)* aħjar minnhom, u m'Aħniex se ningħelbu.
42. Mela ħallihom *(Muħammad)* iħawdu u jilagħbu *(bil-kliem fieragħ)* sa ma jsibu l-Jum tagħhom li kienu mwegħdin;
43. fil-Jum meta joħorġu mill-oqbra, mgħaġġlin, qishom iħaffu lejn xi ħaġra mwaqqfa *(biex jagħtuha qima)*,
44. b'ħarsithom 'l isfel – jegħlibhom it-tkasbir. Dak huwa l-Jum li kienu mwegħdin!

71. *Sūratu Nūh*


(Suret Noè – Niżlet f'Mekka bi 28 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Aħna tabilħaqq bgħatna lil Noè għand niesu *(u għednielu)*: "Wissi lil niesek qabel ma jiġihom kastig ta' wġigħ!"
2. Qal*(ilhom lil niesu)*: "Ja niesi, tabilħaqq li jiena, għalikom, wieħed li jwissi biċ-ċar,
3. u *(ngħidilkom)*: Qimu lil Alla u ibżgħu minnu, u obduni,
4. *(biex b'hekk)* jaħfrilkom dnubietkom u jħallikom *(tgawdu fil-ħajja)* sa żmien imsemmi. Tassew li ż-żmien ta' Alla, meta jasal, ma jitħalliex għal darb'oħra, li kieku kontu tafu!"
5. Qal *(Noè)*: "Sidi, jiena tabilħaqq sejjaħt lil niesi *(lejn triq is-sewwa)*, lejl u nhar,
6. iżda s-sejħa tiegħi ma żidithomx ħlief fil-ħarba *(mit-twemmin u ċ-ċaħda tiegħu)*.
7. Kull darba li jiena nsejħilhom *(lejn it-twemmin veru)*, biex Inti taħfrilhom, *(arahom)* iqiegħdu s-swaba' tagħhom f'widnejhom, jitgħattew bi lbieshom *(biex ma jarawnix u lanqas jisimgħuni)*, iwebbsu rashom, u jitkabbru wisq.
8. Imbagħad jiena tabilħaqq sejjaħtilhom bla ħabi.
9. Imbagħad jiena tabilħaqq ħabbartilhom *(il-bxara tiegħek)* bil-miftuħ u bil-moħbi,
10. u għedt*(ilhom)*: 'Itolbu maħfra mingħand Sidkom! Huwa tabilħaqq dejjem jaħfer.

يُرْسِلِ ٱلسَّمَآءَ عَلَيْكُم مِّدْرَارًا ﴿11﴾ وَيُمْدِدْكُم بِأَمْوَٰلٍ وَبَنِينَ وَيَجْعَل
لَّكُمْ جَنَّٰتٍ وَيَجْعَل لَّكُمْ أَنْهَٰرًا ﴿12﴾ مَّا لَكُمْ لَا تَرْجُونَ لِلَّهِ وَقَارًا ﴿13﴾
وَقَدْ خَلَقَكُمْ أَطْوَارًا ﴿14﴾ أَلَمْ تَرَوْا۟ كَيْفَ خَلَقَ ٱللَّهُ سَبْعَ سَمَٰوَٰتٍ
طِبَاقًا ﴿15﴾ وَجَعَلَ ٱلْقَمَرَ فِيهِنَّ نُورًا وَجَعَلَ ٱلشَّمْسَ سِرَاجًا ﴿16﴾
وَٱللَّهُ أَنۢبَتَكُم مِّنَ ٱلْأَرْضِ نَبَاتًا ﴿17﴾ ثُمَّ يُعِيدُكُمْ فِيهَا وَيُخْرِجُكُمْ
إِخْرَاجًا ﴿18﴾ وَٱللَّهُ جَعَلَ لَكُمُ ٱلْأَرْضَ بِسَاطًا ﴿19﴾ لِّتَسْلُكُوا۟ مِنْهَا
سُبُلًا فِجَاجًا ﴿20﴾ قَالَ نُوحٌ رَّبِّ إِنَّهُمْ عَصَوْنِى وَٱتَّبَعُوا۟ مَن لَّمْ يَزِدْهُ
مَالُهُۥ وَوَلَدُهُۥٓ إِلَّا خَسَارًا ﴿21﴾ وَمَكَرُوا۟ مَكْرًا كُبَّارًا ﴿22﴾ وَقَالُوا۟
لَا تَذَرُنَّ ءَالِهَتَكُمْ وَلَا تَذَرُنَّ وَدًّا وَلَا سُوَاعًا وَلَا يَغُوثَ وَيَعُوقَ
وَنَسْرًا ﴿23﴾ وَقَدْ أَضَلُّوا۟ كَثِيرًا ۖ وَلَا تَزِدِ ٱلظَّٰلِمِينَ إِلَّا ضَلَٰلًا ﴿24﴾
مِّمَّا خَطِيٓـَٰٔتِهِمْ أُغْرِقُوا۟ فَأُدْخِلُوا۟ نَارًا فَلَمْ يَجِدُوا۟ لَهُم مِّن دُونِ
ٱللَّهِ أَنصَارًا ﴿25﴾ وَقَالَ نُوحٌ رَّبِّ لَا تَذَرْ عَلَى ٱلْأَرْضِ مِنَ ٱلْكَٰفِرِينَ
دَيَّارًا ﴿26﴾ إِنَّكَ إِن تَذَرْهُمْ يُضِلُّوا۟ عِبَادَكَ وَلَا يَلِدُوٓا۟ إِلَّا فَاجِرًا
كَفَّارًا ﴿27﴾ رَّبِّ ٱغْفِرْ لِى وَلِوَٰلِدَىَّ وَلِمَن دَخَلَ بَيْتِىَ
مُؤْمِنًا وَلِلْمُؤْمِنِينَ وَٱلْمُؤْمِنَٰتِ وَلَا تَزِدِ ٱلظَّٰلِمِينَ إِلَّا تَبَارًا ﴿28﴾

11. *(Jekk tilqgħu kliemi u temmnu f'Alla)* Huwa jibgħat fuqkom is-sema *(bix-xita fejjieda)*, kotrana,
12. jagħtikom ġid u wlied, jagħmlilkom ġonna, u jagħmlilkom xmajjar *(biex tithennew bihom)*.
13. U għaliex ma tixtiqux tagħtu ġieħ lil Alla,
14. meta ħalaqkom f'*(bosta)* stadji *(u l-ewwel kontu nitfa ta' sperma, imbagħad sirtu demm magħqud li mal-ħin sar biċċa laħam, u mbagħad sirtu għadam miksi bil-laħam, u ħadtu l-għamla ta' bnedmin)*?
15. Mela ma tarawx kif Alla ħalaq seba' smewwiet fuq xulxin,
16. u fihom għamel il-qamar dawl, u għamel ix-xemx musbieħ?
17. Alla nibbitkom mill-art bħan-nebbieta,
18. imbagħad ireġġagħkom fiha *(wara mewtkom)*, u żgur joħroġkom *(minnha f'Jum il-Qawmien)*.
19. U Alla għamlilkom l-art mifruxa bħal tapit,
20. biex itterrqu fiha, f'mogħdijiet wiesgħa.'"
21. Qal Noè: "Sidi, huma tabilħaqq m'obdewnix, u mxew wara dak *(minn fost il-kbarat u l-għonja tagħhom)* li ġidu u wliedu ma żiduhx ħlief fit-telfien.
22. U *(il-kbarat u l-għonja)* nassu tnassis kbir,
23. u qalu *(lil xulxin)*: 'La tħallux lill-allat tagħkom, u la tħallux la lil *(l-alla)* Wadd, la lil *(l-alla)* Suwāgħ, u lanqas lil *(l-allat)* Jagħūṯ, Jagħūq u Nasr!'
24. U lil ħafna tellfuhom it-triq. Lill-ħżiena *(Sidi l-Mulej)* iżżidhomx jekk mhux fit-telfien!" *(U Alla sema' s-sejħa ta' Noè u għerriqhom fid-dilluvju.)*
25. Minħabba ħtijiethom kienu mgħarrqa, u ddaħħlu f'Nar *(l-Infern)*. Huma ma sabux lil min jgħinhom, flok Alla.
26. U qal Noè: "Sidi, la tħalli lil ħadd fuq l-art minn dawk li ma jemmnux.
27. Jekk Inti tħallihom, huma jtellfu t-triq lill-qaddejja tiegħek, u ma jwelldux jekk mhux *(tfal)* ħżiena li ma jemmnux.
28. Sidi, aħfer lili, lil missieri u lil ommi, lil min jidħol f'dari bi twemmin, u lil dawk l-irġiel u lin-nisa li jemmnu. U lill-ħżiena żżidhomx jekk mhux fil-qerda *(u t-telfien, sew f'din id-dinja u sew fl-Oħra)*."



سُورَةُ الْجِنِّ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ



قُلْ أُوحِيَ إِلَيَّ أَنَّهُ اسْتَمَعَ نَفَرٌ مِّنَ الْجِنِّ فَقَالُوا إِنَّا سَمِعْنَا قُرْآنًا
عَجَبًا ﴿1﴾ يَهْدِي إِلَى الرُّشْدِ فَآمَنَّا بِهِ ۖ وَلَن نُّشْرِكَ بِرَبِّنَا أَحَدًا ﴿2﴾
وَأَنَّهُ تَعَالَىٰ جَدُّ رَبِّنَا مَا اتَّخَذَ صَاحِبَةً وَلَا وَلَدًا ﴿3﴾ وَأَنَّهُ كَانَ
يَقُولُ سَفِيهُنَا عَلَى اللَّهِ شَطَطًا ﴿4﴾ وَأَنَّا ظَنَنَّا أَن لَّن تَقُولَ الْإِنسُ
وَالْجِنُّ عَلَى اللَّهِ كَذِبًا ﴿5﴾ وَأَنَّهُ كَانَ رِجَالٌ مِّنَ الْإِنسِ يَعُوذُونَ بِرِجَالٍ
مِّنَ الْجِنِّ فَزَادُوهُمْ رَهَقًا ﴿6﴾ وَأَنَّهُمْ ظَنُّوا كَمَا ظَنَنتُمْ أَن لَّن يَبْعَثَ
اللَّهُ أَحَدًا ﴿7﴾ وَأَنَّا لَمَسْنَا السَّمَاءَ فَوَجَدْنَاهَا مُلِئَتْ حَرَسًا
شَدِيدًا وَشُهُبًا ﴿8﴾ وَأَنَّا كُنَّا نَقْعُدُ مِنْهَا مَقَاعِدَ لِلسَّمْعِ ۖ فَمَن
يَسْتَمِعِ الْآنَ يَجِدْ لَهُ شِهَابًا رَّصَدًا ﴿9﴾ وَأَنَّا لَا نَدْرِي أَشَرٌّ أُرِيدَ
بِمَن فِي الْأَرْضِ أَمْ أَرَادَ بِهِمْ رَبُّهُمْ رَشَدًا ﴿10﴾ وَأَنَّا مِنَّا الصَّالِحُونَ
وَمِنَّا دُونَ ذَٰلِكَ ۖ كُنَّا طَرَائِقَ قِدَدًا ﴿11﴾ وَأَنَّا ظَنَنَّا أَن لَّن نُّعْجِزَ
اللَّهَ فِي الْأَرْضِ وَلَن نُّعْجِزَهُ هَرَبًا ﴿12﴾ وَأَنَّا لَمَّا سَمِعْنَا الْهُدَىٰ
آمَنَّا بِهِ ۖ فَمَن يُؤْمِن بِرَبِّهِ فَلَا يَخَافُ بَخْسًا وَلَا رَهَقًا ﴿13﴾

72. *Sūratu l-Ġinn*

(Suret il-*Ġinn* – Niżlet f'Mekka bi 28 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Għid *(lil niesek, Muħammad)*: "Tnebbaħt li ġemgħa ta' *ġinn* semgħu*(ni naqra xi versi mill-Qoran)* u qalu: 'Aħna tabilħaqq smajna Qoran ta' l-għaġeb,
2. li jmexxi *(lil min jisimgħu)* lejn it-triq it-tajba, u għalhekk emminna fih. M'aħna se nxierku lil ħadd ma' Sidna.
3. U tabilħaqq *(nemmnu wkoll)* li Huwa – intrefa' fl-għoli s-sebħ ta' Sidna – ma ħax għalih sieħba u lanqas wild.
4. U li l-iblah tagħna *(li għandna fostna)* kien jaqla' gideb kbir fuq Alla.
5. Aħna *(il-ġemgħa tal-ġinn)* naħsbu li l-bnedmin u l-*ġinn* ma humiex se jaqilgħu gideb fuq Alla.'"
6. U xi rġiel mill-bnedmin kienu tabilħaqq jitolbu l-ħarsien ta' rġiel mill-*ġinn*, u għalhekk *(lill-ġinn)* żiduhom fil-ħażen,
7. u *(dawk il-bnedmin li ċaħdu t-twemmin)* ħasbu bħalma ħsibtu *(intom il-ġinn)*: li Alla ma huwa se jqajjem lil ħadd mill-mewt.
8. "Aħna għarrixna s-sema *(biex nisimgħu x'jingħad fih)* u sibnieh mimli b'*(anġli)* għassiesa, qliel, b'ilsna tan-nar *(imħejjija għal min joqrob iżżejjed)*.
9. Aħna konna noqogħdu f'qagħdiet fih *(is-sema)* biex nisimgħu *(xi jkun qiegħed jingħad)*, iżda issa min jissemma' jsib ilsien tan-nar għassa għalih.
10. Aħna ma nafux jekk dawk li jinsabu fl-art kienx maħsub għalihom il-ħażen, jew inkella Sidhom ridilhomx it-triq it-tajba.
11. U hemm minna li huma ġusti, u minna li huma inqas minn hekk. Aħna ninsabu f'bosta toroq.
12. Aħna naħsbu li m'aħniex se nfixklu lil Alla fl-art, u m'aħniex se nfixkluh billi naħarbu *(mill-kastig)*.
13. U meta smajna t-tmexxija t-tajba *(il-Qoran)* emminna fiha, għaliex min jemmen f'Sidu, la jibża' minn telfien *(tal-ħlas tiegħu)* u lanqas minn inġustizzja *(għaliex ma jiżdidulux ħtijiet li ma għamilx)*.

وَأَنَّا مِنَّا ٱلْمُسْلِمُونَ وَمِنَّا ٱلْقَـٰسِطُونَ ۖ فَمَنْ أَسْلَمَ فَأُو۟لَـٰٓئِكَ
تَحَرَّوْا۟ رَشَدًا ﴿14﴾ وَأَمَّا ٱلْقَـٰسِطُونَ فَكَانُوا۟ لِجَهَنَّمَ حَطَبًا ﴿15﴾
وَأَلَّوِ ٱسْتَقَـٰمُوا۟ عَلَى ٱلطَّرِيقَةِ لَأَسْقَيْنَـٰهُم مَّآءً غَدَقًا ﴿16﴾ لِّنَفْتِنَهُمْ
فِيهِ ۚ وَمَن يُعْرِضْ عَن ذِكْرِ رَبِّهِۦ يَسْلُكْهُ عَذَابًا صَعَدًا ﴿17﴾ وَأَنَّ
ٱلْمَسَـٰجِدَ لِلَّهِ فَلَا تَدْعُوا۟ مَعَ ٱللَّهِ أَحَدًا ﴿18﴾ وَأَنَّهُۥ لَمَّا قَامَ عَبْدُ ٱللَّهِ
يَدْعُوهُ كَادُوا۟ يَكُونُونَ عَلَيْهِ لِبَدًا ﴿19﴾ قُلْ إِنَّمَآ أَدْعُوا۟ رَبِّى وَلَآ أُشْرِكُ
بِهِۦٓ أَحَدًا ﴿20﴾ قُلْ إِنِّى لَآ أَمْلِكُ لَكُمْ ضَرًّا وَلَا رَشَدًا ﴿21﴾ قُلْ إِنِّى
لَن يُجِيرَنِى مِنَ ٱللَّهِ أَحَدٌ وَلَنْ أَجِدَ مِن دُونِهِۦ مُلْتَحَدًا ﴿22﴾ إِلَّا بَلَـٰغًا
مِّنَ ٱللَّهِ وَرِسَـٰلَـٰتِهِۦ ۚ وَمَن يَعْصِ ٱللَّهَ وَرَسُولَهُۥ فَإِنَّ لَهُۥ نَارَ جَهَنَّمَ
خَـٰلِدِينَ فِيهَآ أَبَدًا ﴿23﴾ حَتَّىٰٓ إِذَا رَأَوْا۟ مَا يُوعَدُونَ فَسَيَعْلَمُونَ
مَنْ أَضْعَفُ نَاصِرًا وَأَقَلُّ عَدَدًا ﴿24﴾ قُلْ إِنْ أَدْرِىٓ أَقَرِيبٌ
مَّا تُوعَدُونَ أَمْ يَجْعَلُ لَهُۥ رَبِّىٓ أَمَدًا ﴿25﴾ عَـٰلِمُ ٱلْغَيْبِ فَلَا
يُظْهِرُ عَلَىٰ غَيْبِهِۦٓ أَحَدًا ﴿26﴾ إِلَّا مَنِ ٱرْتَضَىٰ مِن رَّسُولٍ فَإِنَّهُۥ
يَسْلُكُ مِنۢ بَيْنِ يَدَيْهِ وَمِنْ خَلْفِهِۦ رَصَدًا ﴿27﴾ لِّيَعْلَمَ أَن قَدْ أَبْلَغُوا۟
رِسَـٰلَـٰتِ رَبِّهِمْ وَأَحَاطَ بِمَا لَدَيْهِمْ وَأَحْصَىٰ كُلَّ شَىْءٍ عَدَدًا ﴿28﴾

14. Hemm minna Misilmin, u hemm minna li huma inġusti. U min daħal fl-Islam, dawk huma li għażlu t-triq it-tajba.
15. Imma l-inġusti, dawk ikunu l-ħatab ta' l-Infern."
16. U kieku qabdu t-triq id-dritta *(tal-liġi ta' Alla)*, konna nisquhom ilma kotran,
17. biex inġarrbuhom bih. U min ma jagħtix widen għat-tifkira ta' Sidu, *(Alla)* idaħħlu f'kastig mill-agħar.
18. *(Muħammad qal: "Jiena tnebbaħt)* li l-moskej huma ta' Alla. Mela la ssejħu lil ħadd ma' Alla!
19. U *(tnebbaħt ukoll)* li meta l-qaddej ta' Alla qam biex isejjaħlu *(lil Sidu l-Mulej, il-ġemgħat tal-ġinn)* kienu għoddhom ġejjin jagħfsu fuqu *(fil-ħeġġa tagħhom biex jisimgħu l-Qoran)*."
20. Għid *(Muħammad)*: "Jiena nsejjaħ biss lil Sidi u ma nxierek lil ħadd miegħu."
21. Għid *(Muħammad)*: "Tabilħaqq li jiena ma għandix f'idejja s-setgħa *(biex nagħmlilkom)* il-ħsara *(jew biex inġibilkom)* it-tmexxija t-tajba."
22. Għid *(Muħammad)*: "Tabilħaqq li lili ħadd ma jħarisni minn Alla, u m'iniex se nsib kenn barra minnu.
23. *(Xejn ma jsalvani)* ħlief li nwassal *(ir-Rivelazzjoni)* minn Alla u l-messaġġi tiegħu. U min ma joqgħodx għal Alla u għall-Mibgħut tiegħu, tabilħaqq ikollu Nar l-Infern u *(hu u min hu bħalu)* fih jibqgħu għal dejjem."
24. *(Dawk ta' bla twemmin jibqgħu jiddubitaw)* sa *(il-Jum)* meta jaraw dak li huma mwegħdin *(il-kastig)*. Imbagħad se jkunu jafu min huwa l-aktar dgħajjef fl-alleati, u min huwa l-inqas fl-għadd.
25. Għid *(Muħammad)*: "Jiena ma nafx jekk dak li intom imwegħdin *(il-kastig)* huwiex qrib, jew jekk Sidi tawwallux iż-żmien."
26. Huwa jaf il-mistur, u ma jgħarraf lil ħadd bil-mistur tiegħu,
27. ħlief lil xi Mibgħut li għażel. Imbagħad jibgħat quddiemu u warajh għassiesa *(li jħarsuh mill-ġinn)*,
28. biex *(Alla)* ikun jaf li *(il-Mibgħutin tiegħu)* ħabbru l-messaġġi ta' Sidhom. Huwa għandu taħt idejh kulma għandhom, u jgħodd kollox.

سورة المزمل

بسم الله الرحمن الرحيم

يَٰٓأَيُّهَا ٱلْمُزَّمِّلُ ﴿1﴾ قُمِ ٱلَّيْلَ إِلَّا قَلِيلًا ﴿2﴾ نِّصْفَهُۥٓ أَوِ ٱنقُصْ مِنْهُ قَلِيلًا
﴿3﴾ أَوْ زِدْ عَلَيْهِ وَرَتِّلِ ٱلْقُرْءَانَ تَرْتِيلًا ﴿4﴾ إِنَّا سَنُلْقِى عَلَيْكَ قَوْلًا
ثَقِيلًا ﴿5﴾ إِنَّ نَاشِئَةَ ٱلَّيْلِ هِىَ أَشَدُّ وَطْـًٔا وَأَقْوَمُ قِيلًا ﴿6﴾ إِنَّ لَكَ فِى
ٱلنَّهَارِ سَبْحًا طَوِيلًا ﴿7﴾ وَٱذْكُرِ ٱسْمَ رَبِّكَ وَتَبَتَّلْ إِلَيْهِ تَبْتِيلًا ﴿8﴾
رَّبُّ ٱلْمَشْرِقِ وَٱلْمَغْرِبِ لَآ إِلَٰهَ إِلَّا هُوَ فَٱتَّخِذْهُ وَكِيلًا ﴿9﴾ وَٱصْبِرْ
عَلَىٰ مَا يَقُولُونَ وَٱهْجُرْهُمْ هَجْرًا جَمِيلًا ﴿10﴾ وَذَرْنِى وَٱلْمُكَذِّبِينَ
أُو۟لِى ٱلنَّعْمَةِ وَمَهِّلْهُمْ قَلِيلًا ﴿11﴾ إِنَّ لَدَيْنَآ أَنكَالًا وَجَحِيمًا ﴿12﴾
وَطَعَامًا ذَا غُصَّةٍ وَعَذَابًا أَلِيمًا ﴿13﴾ يَوْمَ تَرْجُفُ ٱلْأَرْضُ وَٱلْجِبَالُ
وَكَانَتِ ٱلْجِبَالُ كَثِيبًا مَّهِيلًا ﴿14﴾ إِنَّآ أَرْسَلْنَآ إِلَيْكُمْ رَسُولًا شَٰهِدًا
عَلَيْكُمْ كَمَآ أَرْسَلْنَآ إِلَىٰ فِرْعَوْنَ رَسُولًا ﴿15﴾ فَعَصَىٰ فِرْعَوْنُ ٱلرَّسُولَ
فَأَخَذْنَٰهُ أَخْذًا وَبِيلًا ﴿16﴾ فَكَيْفَ تَتَّقُونَ إِن كَفَرْتُمْ يَوْمًا يَجْعَلُ
ٱلْوِلْدَٰنَ شِيبًا ﴿17﴾ ٱلسَّمَآءُ مُنفَطِرٌۢ بِهِۦ ۚ كَانَ وَعْدُهُۥ مَفْعُولًا ﴿18﴾
إِنَّ هَٰذِهِۦ تَذْكِرَةٌ ۖ فَمَن شَآءَ ٱتَّخَذَ إِلَىٰ رَبِّهِۦ سَبِيلًا ﴿19﴾

73. *Sūratu l-Mużżammil*

(Suret l-Imgeżwer fil-Ħwejjeġ – Niżlet f'Mekka b'20 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Ja *(Muħammad)* imgeżwer fil-ħwejjeġ,
2. għaddi l-lejl fit-talb, ħlief għal ftit *(ħin ta' mistrieħ)* -
3. nofsu, jew ftit inqas minnu -
4. jew żid miegħu, u aqra l-Qoran bil-qjies!
5. Aħna tabilħaqq se nniżżlu fuqek *(Muħammad)* kliem tqil.
6. Tabilħaqq li l-qawmien billejl huwa aktar iebes *(għal min jitlob, iżda jsaħħu fil-fidi)* u aħjar għall-fehma tal-kliem *(li jingħad fit-talb)*.
7. Tabilħaqq li binhar għandek taħbit kbir *(u matulu taħdem u taqdi dmirijietek)*.
8. Ftakar *(u semmi)* Isem Sidek *(lejl u nhar)* u ngħata lilu għal kollox;
9. Sid il-Lvant u l-Punent, ma hemmx Alla ħliefu! Mela lilu ħu biex jieħu ħsieb*(ek)*!
10. Stabar *(Muħammad)* b'dak li jgħidu *(meta jqisuk saħħar, poeta, jew miġnun)* u itlaqhom bil-ħlewwa *(bla ma tlumhom)*.
11. U ħallini nieħu ħsieb dawk il-giddibin li għandhom il-ġid *(biex nitħallas minnhom)* u agħtihom ftit taż-żmien *(ieħor ta' tgawdija sa ma jieħdu l-kastig li ħaqqhom)*.
12. Tabilħaqq li għandna *(mħejji għall-ħżiena)* xkiel *(biex norbtuhom bih)* u Nar iħeġġeġ,
13. u ikel *(mill-agħar)* li jxerraq u joħnoq, u kastig ta' wġigħ,
14. fil-Jum meta l-art u l-iġbla jitħeżżu, u l-iġbla jsiru għoljiet ta' ramel imxerred.
15. Aħna tabilħaqq bgħatnielkom Mibgħut li jixhed għalikom, bħalma bgħatna Mibgħut lill-Fargħun.
16. Iżda l-Fargħun ma qagħadx għall-Mibgħut, u għalhekk ħadnieh *(u kkastigajnieh)* bil-qilla.
17. Kif, jekk ma temmnux, se tħarsu lilkom infuskom minn Jum li *(fil-kruha tiegħu)* ibajjad xagħar it-tfal *(għaliex jixjieħu qabel żmienhom bil-biża')*?
18. Is-sema jkun maqsum bih *(bil-biża' ta' dak il-Jum)*. Il-wegħda tiegħu sseħħ!
19. Din tabilħaqq tifkira *(u twissija)*, u min irid, isib triq lejn Sidu.

ربع الحزب 58

۞ إِنَّ رَبَّكَ يَعْلَمُ أَنَّكَ تَقُومُ أَدْنَىٰ مِن ثُلُثَيِ ٱلَّيْلِ وَنِصْفَهُۥ وَثُلُثَهُۥ وَطَآئِفَةٌ
مِّنَ ٱلَّذِينَ مَعَكَ ۚ وَٱللَّهُ يُقَدِّرُ ٱلَّيْلَ وَٱلنَّهَارَ ۚ عَلِمَ أَن لَّن تُحْصُوهُ فَتَابَ
عَلَيْكُمْ ۖ فَٱقْرَءُوا۟ مَا تَيَسَّرَ مِنَ ٱلْقُرْءَانِ ۚ عَلِمَ أَن سَيَكُونُ مِنكُم مَّرْضَىٰ ۙ
وَءَاخَرُونَ يَضْرِبُونَ فِى ٱلْأَرْضِ يَبْتَغُونَ مِن فَضْلِ ٱللَّهِ ۙ وَءَاخَرُونَ
يُقَٰتِلُونَ فِى سَبِيلِ ٱللَّهِ ۖ فَٱقْرَءُوا۟ مَا تَيَسَّرَ مِنْهُ ۚ وَأَقِيمُوا۟ ٱلصَّلَوٰةَ وَءَاتُوا۟
ٱلزَّكَوٰةَ وَأَقْرِضُوا۟ ٱللَّهَ قَرْضًا حَسَنًا ۚ وَمَا تُقَدِّمُوا۟ لِأَنفُسِكُم مِّنْ خَيْرٍ تَجِدُوهُ
عِندَ ٱللَّهِ هُوَ خَيْرًا وَأَعْظَمَ أَجْرًا ۚ وَٱسْتَغْفِرُوا۟ ٱللَّهَ ۖ إِنَّ ٱللَّهَ غَفُورٌ رَّحِيمٌ ﴿20﴾

سُورَةُ المُدَّثِّرِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

يَٰٓأَيُّهَا ٱلْمُدَّثِّرُ ﴿1﴾ قُمْ فَأَنذِرْ ﴿2﴾ وَرَبَّكَ فَكَبِّرْ ﴿3﴾ وَثِيَابَكَ فَطَهِّرْ ﴿4﴾
وَٱلرُّجْزَ فَٱهْجُرْ ﴿5﴾ وَلَا تَمْنُن تَسْتَكْثِرُ ﴿6﴾ وَلِرَبِّكَ فَٱصْبِرْ ﴿7﴾
فَإِذَا نُقِرَ فِى ٱلنَّاقُورِ ﴿8﴾ فَذَٰلِكَ يَوْمَئِذٍ يَوْمٌ عَسِيرٌ ﴿9﴾ عَلَى ٱلْكَٰفِرِينَ
غَيْرُ يَسِيرٍ ﴿10﴾ ذَرْنِى وَمَنْ خَلَقْتُ وَحِيدًا ﴿11﴾ وَجَعَلْتُ لَهُۥ مَالًا
مَّمْدُودًا ﴿12﴾ وَبَنِينَ شُهُودًا ﴿13﴾ وَمَهَّدتُّ لَهُۥ تَمْهِيدًا ﴿14﴾ ثُمَّ يَطْمَعُ
أَنْ أَزِيدَ ﴿15﴾ كَلَّآ ۖ إِنَّهُۥ كَانَ لِـَٔايَٰتِنَا عَنِيدًا ﴿16﴾ سَأُرْهِقُهُۥ صَعُودًا ﴿17﴾

20. Sidek *(Muħammad)* tabilħaqq jaf li inti tqum *(għat-talb u l-qima tiegħu: xi drabi)* inqas minn żewġ terzi tal-lejl u *(drabi oħra)* nofsu, u *(xi kultant)* terz minnu, flimkien ma' ġemgħa minn dawk ta' miegħek. Alla jkejjel il-lejl u n-nhar. Huwa jaf li ma tistgħux titolbu l-lejl kollu, jew parti kbira minnu, u għalhekk dar lejkom bil-maħfra. Mela aqraw kemm tistgħu mill-Qoran! Huwa jaf li se jkun hemm minnkom morda, oħrajn iterrqu fl-art, ifittxu t-tjieba ta' Alla, u oħrajn jitqabdu għal Alla. Mela aqraw dak li tistgħu minnu! U agħmlu t-talb, agħtu l-karità, u sellfu lil Alla self tajjeb *(billi tgħinu lill-foqra u tagħmlu għemejjel tajba)*! Kull ġid li tressqu quddiemkom għal ruħkom, issibuh għand Alla – *(dan il-premju)* hu aħjar u akbar fil-ħlas *(mill-ġid li tkunu għamiltu fid-dinja)*. U itolbu l-maħfra ta' Alla! Alla tabilħaqq Kollu Maħfra, Ħanin.

74. *Sūratu l-Muddaṯir*

(Suret l-Imgħotti fil-Ħwejjeġ – Niżlet f'Mekka b'56 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Ja *(Muħammad)* l-imgħotti fil-ħwejjeġ,
2. qum u wissi,
3. u lil Sidek kabbar,
4. u saffi ħwejġek,
5. u warrab kull għemil ħażin,
6. u la toqgħodx tiftaħar bil-ġid li tagħmel u tqisu kotran,
7. u għal Sidek stabar!
8. U meta tindaqq it-trumbetta *(li turi li wasal Jum il-Qawmien)*,
9. dakinhar dak ikun Jum iebes,
10. ma huwiex ħafif għal dawk li ċaħdu t-twemmin.
11. Ħallini *(Muħammad)* nieħu ħsieb lil min ħlaqt waħdu *(f'ġuf ommu, li ġie b'xejn fid-dinja, jiġifieri 'al-Walīd ibn al-Mugħīra, wieħed mill-kbarat ta' Qurajx)*.
12. Lil *(dan)* tajtu l-ġid bil-kotra,
13. u *(għaxar)* ulied li kienu xhieda miegħu,
14. u ħsibtlu għal kollox *(hekk li ma kien jonqsu xejn)*.
15. Madanakollu jixtieq li nżid*(lu ġidu)*!
16. Le! Huwa tabilħaqq kien iwebbes rasu għas-sinjali tagħna!
17. Se nifnih b'kastig mill-kbar!

إِنَّهُۥ فَكَّرَ وَقَدَّرَ ﴿18﴾ فَقُتِلَ كَيْفَ قَدَّرَ ﴿19﴾ ثُمَّ قُتِلَ كَيْفَ قَدَّرَ ﴿20﴾ ثُمَّ نَظَرَ
﴿21﴾ ثُمَّ عَبَسَ وَبَسَرَ ﴿22﴾ ثُمَّ أَدْبَرَ وَٱسْتَكْبَرَ ﴿23﴾ فَقَالَ إِنْ هَٰذَآ إِلَّا سِحْرٌ
يُؤْثَرُ ﴿24﴾ إِنْ هَٰذَآ إِلَّا قَوْلُ ٱلْبَشَرِ ﴿25﴾ سَأُصْلِيهِ سَقَرَ ﴿26﴾ وَمَآ أَدْرَىٰكَ
مَا سَقَرُ ﴿27﴾ لَا تُبْقِي وَلَا تَذَرُ ﴿28﴾ لَوَّاحَةٌ لِّلْبَشَرِ ﴿29﴾ عَلَيْهَا تِسْعَةَ عَشَرَ
﴿30﴾ وَمَا جَعَلْنَآ أَصْحَٰبَ ٱلنَّارِ إِلَّا مَلَٰٓئِكَةً ۙ وَمَا جَعَلْنَا عِدَّتَهُمْ إِلَّا فِتْنَةً
لِّلَّذِينَ كَفَرُوا۟ لِيَسْتَيْقِنَ ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْكِتَٰبَ وَيَزْدَادَ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوٓا۟ إِيمَٰنًا ۙ
وَلَا يَرْتَابَ ٱلَّذِينَ أُوتُوا۟ ٱلْكِتَٰبَ وَٱلْمُؤْمِنُونَ ۙ وَلِيَقُولَ ٱلَّذِينَ فِى قُلُوبِهِم مَّرَضٌ
وَٱلْكَٰفِرُونَ مَاذَآ أَرَادَ ٱللَّهُ بِهَٰذَا مَثَلًا ۚ كَذَٰلِكَ يُضِلُّ ٱللَّهُ مَن يَشَآءُ وَيَهْدِى
مَن يَشَآءُ ۚ وَمَا يَعْلَمُ جُنُودَ رَبِّكَ إِلَّا هُوَ ۚ وَمَا هِىَ إِلَّا ذِكْرَىٰ لِلْبَشَرِ ﴿31﴾ كَلَّا
وَٱلْقَمَرِ ﴿32﴾ وَٱلَّيْلِ إِذْ أَدْبَرَ ﴿33﴾ وَٱلصُّبْحِ إِذَآ أَسْفَرَ ﴿34﴾ إِنَّهَا لَإِحْدَى
ٱلْكُبَرِ ﴿35﴾ نَذِيرًا لِّلْبَشَرِ ﴿36﴾ لِمَن شَآءَ مِنكُمْ أَن يَتَقَدَّمَ أَوْ يَتَأَخَّرَ ﴿37﴾ كُلُّ
نَفْسٍۭ بِمَا كَسَبَتْ رَهِينَةٌ ﴿38﴾ إِلَّآ أَصْحَٰبَ ٱلْيَمِينِ ﴿39﴾ فِى جَنَّٰتٍ يَتَسَآءَلُونَ
﴿40﴾ عَنِ ٱلْمُجْرِمِينَ ﴿41﴾ مَا سَلَكَكُمْ فِى سَقَرَ ﴿42﴾ قَالُوا۟ لَمْ نَكُ مِنَ
ٱلْمُصَلِّينَ ﴿43﴾ وَلَمْ نَكُ نُطْعِمُ ٱلْمِسْكِينَ ﴿44﴾ وَكُنَّا نَخُوضُ مَعَ
ٱلْخَآئِضِينَ ﴿45﴾ وَكُنَّا نُكَذِّبُ بِيَوْمِ ٱلدِّينِ ﴿46﴾ حَتَّىٰٓ أَتَىٰنَا ٱلْيَقِينُ ﴿47﴾

18. Huwa tassew ħaseb *(u fehem x'inhu l-Qoran)* u ppjana *(il-qerq)*.
19. Meqrud huwa! Ara kif ippjana *(il-qerq u qal li l-Qoran seħer)*!
20. U għal darba oħra, meqrud – kif ippjana *(dak il-gideb kollu)*!
21. Imbagħad reġa' ħaseb *(dwar il-Qoran)*,
22. imbagħad tqarras u ħares bl-ikrah,
23. imbagħad ta dahru u tkabbar.
24. Huwa qal: "Dan *(il-Qoran)* ma huwiex ħlief seħer, meħud minn ta' qabel;
25. dan ma huwiex ħlief kliem il-bniedem!"
26. Se nixwih fl-Infern!
27. U x'inhu li jgħarrfek *(Muħammad)* x'inhu l-Infern?
28. La jżomm xejn *(minn dak li jidħol fih, għaliex jeqirdu)* u lanqas iħalli *(lil ebda ħati mingħajr ma jaħarqu)*;
29. ixejjer lill-bnedmin *(mill-bogħod u jarawh għaliex kbir wisq)*.
30. Fuqu *(l-Infern)* hemm dsatax*(-il għassies ta' qilla kbira)*.
31. Ma ħtarniex għassiesa tan-Nar jekk mhux anġli u ma għamilniex l-għadd *(żgħir)* tagħhom għajr biex inġarrbu lil dawk li ma jemmnux *(għaliex jaħsbu li jistgħu jegħlbuhom)*, biex dawk li ngħataw il-Ktieb ikunu jafu fiż-żgur *(li Muħammad huwa l-Mibgħut, u li l-Qoran niżel mingħand Alla)*, u biex dawk li jemmnu jiżdiedu fit-twemmin, u biex dawk li ngħataw il-Ktieb, u dawk li jemmnu, ma jkollhomx dubju, u biex dawk li fi qlubhom għandhom marda, u dawk bla twemmin, jgħidu: "Xi jrid jgħid Alla b'dan l-eżempju?" Hekk Alla jtellef it-triq lil min irid, u juriha lil min irid. Ħadd ma jaf il-qawwiet ta' Sidek ħliefu, u *(din)* ma hijiex għajr tifkira lill-bnedmin.
32. Le! *(Naħilfu)* fuq il-qamar,
33. u fuq il-lejl meta jkun fi tmiemu,
34. u fuq is-sebħ meta jdawwal,
35. li *(l-Infern)* tabilħaqq wieħed mill-kbar *(mis-sinjali l-kbar)*;
36. twissija lill-bnedmin,
37. għal min, minnkom, irid jimxi 'l quddiem, jew jibqa' lura.
38. Kull ruħ miżmuma b'rahan b'dak li kisbet *(għaliha mnifisha)*,
39. ħlief nies il-lemin *(il-ġusti, li emmnu u għamlu għemejjel tajba)*.
40. Huma jistaqsu lil xulxin f'Ġonna *(ta' l-Għeden)*,
41. dwar il-ħatjin:
42. "X'daħħalkom fl-Infern?"
43. Huma *(il-ħatjin)* jgħidu: "Ma konniex minn dawk li jitolbu,
44. u ma konniex nitimgħu l-fqir.
45. Konna ngħidu kliem fieragħ ma' dawk li jgħiduh,
46. u konna ngiddbu Jum il-Ħaqq,
47. sa ma ġietna dik *(il-mewt)* li hi żgura."

فَمَا تَنفَعُهُمْ شَفَٰعَةُ ٱلشَّٰفِعِينَ ﴿48﴾ فَمَا لَهُمْ عَنِ ٱلتَّذْكِرَةِ مُعْرِضِينَ
﴿49﴾ كَأَنَّهُمْ حُمُرٌ مُّسْتَنفِرَةٌ ﴿50﴾ فَرَّتْ مِن قَسْوَرَةٍۭ ﴿51﴾ بَلْ يُرِيدُ
كُلُّ ٱمْرِئٍ مِّنْهُمْ أَن يُؤْتَىٰ صُحُفًا مُّنَشَّرَةً ﴿52﴾ كَلَّا ۖ بَل لَّا يَخَافُونَ
ٱلْءَاخِرَةَ ﴿53﴾ كَلَّآ إِنَّهُۥ تَذْكِرَةٌ ﴿54﴾ فَمَن شَآءَ ذَكَرَهُۥ ﴿55﴾
وَمَا يَذْكُرُونَ إِلَّآ أَن يَشَآءَ ٱللَّهُ ۚ هُوَ أَهْلُ ٱلتَّقْوَىٰ وَأَهْلُ ٱلْمَغْفِرَةِ ﴿56﴾

سُورَةُ القِيَامَةِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

نصف الحزب 58

لَآ أُقْسِمُ بِيَوْمِ ٱلْقِيَٰمَةِ ﴿1﴾ وَلَآ أُقْسِمُ بِٱلنَّفْسِ ٱللَّوَّامَةِ ﴿2﴾ أَيَحْسَبُ
ٱلْإِنسَٰنُ أَلَّن نَّجْمَعَ عِظَامَهُۥ ﴿3﴾ بَلَىٰ قَٰدِرِينَ عَلَىٰٓ أَن نُّسَوِّيَ بَنَانَهُۥ ﴿4﴾ بَلْ
يُرِيدُ ٱلْإِنسَٰنُ لِيَفْجُرَ أَمَامَهُۥ ﴿5﴾ يَسْـَٔلُ أَيَّانَ يَوْمُ ٱلْقِيَٰمَةِ ﴿6﴾ فَإِذَا بَرِقَ ٱلْبَصَرُ
﴿7﴾ وَخَسَفَ ٱلْقَمَرُ ﴿8﴾ وَجُمِعَ ٱلشَّمْسُ وَٱلْقَمَرُ ﴿9﴾ يَقُولُ ٱلْإِنسَٰنُ يَوْمَئِذٍ
أَيْنَ ٱلْمَفَرُّ ﴿10﴾ كَلَّا لَا وَزَرَ ﴿11﴾ إِلَىٰ رَبِّكَ يَوْمَئِذٍ ٱلْمُسْتَقَرُّ ﴿12﴾ يُنَبَّؤُا۟ ٱلْإِنسَٰنُ
يَوْمَئِذٍۭ بِمَا قَدَّمَ وَأَخَّرَ ﴿13﴾ بَلِ ٱلْإِنسَٰنُ عَلَىٰ نَفْسِهِۦ بَصِيرَةٌ ﴿14﴾ وَلَوْ أَلْقَىٰ
مَعَاذِيرَهُۥ ﴿15﴾ لَا تُحَرِّكْ بِهِۦ لِسَانَكَ لِتَعْجَلَ بِهِۦٓ ﴿16﴾ إِنَّ عَلَيْنَا جَمْعَهُۥ
وَقُرْءَانَهُۥ ﴿17﴾ فَإِذَا قَرَأْنَٰهُ فَٱتَّبِعْ قُرْءَانَهُۥ ﴿18﴾ ثُمَّ إِنَّ عَلَيْنَا بَيَانَهُۥ ﴿19﴾

48. Ma tiswilhomx l-interċessjoni ta' dawk li jinterċedu.
49. Xi jġegħelhom ma jagħtux widen għat-tifkira?
50. Qishom ħmir imgerrxa,
51. li ħarbu minn iljun.
52. Le! Kull bniedem minnhom irid li jingħata *(minn Alla)* paġni miftuħa *(u fihom jingħad lilu biex jimxi wara Muħammad)*.
53. Le! Iżda ma jibżgħux mill-Oħra *(mill-Ħajja l-Oħra)*.
54. Le! Tabilħaqq li dan *(il-Qoran)* huwa tifkira,
55. u min irid, jiftakarha.
56. U ma jiftakrux ħlief jekk Alla jkun irid. Huwa jistħoqq il-biża' u l-ubbidjenza *(ta' dawk li jemmnu)*, u Huwa Sid il-maħfra.

75. *Sūratu l-Qijāma*

(Suret il-Qawmien – Niżlet f'Mekka b'40 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Tabilħaqq naħlef b'Jum il-Qawmien,
2. u tabilħaqq naħlef bir-ruħ li tlum *(lilha nnifisha u tindem)*.
3. Jaqaw il-bniedem *(bla twemmin)* jaħseb li m'aħniex se niġbru għadmu?
4. Mela! Għandna s-setgħa nsawru*(lu mill-ġdid)* ponot subgħajh.
5. Iżda l-bniedem irid jibqa' jidneb *(u jiċħad Jum il-Ħaqq li jinsab)* quddiemu.
6. Huwa jistaqsi: "Meta Jum il-Qawmien?"
7. Meta l-għajnejn jitħawdu *(bil-biża' tal-kastig)*,
8. u jiddallam il-qamar,
9. u jingħemgħu x-xemx u l-qamar;
10. dakinhar il-bniedem jgħid: "Lejn fejn il-ħarba?"
11. Le! Ma hemm ebda kenn *(mill-kastig ta' Alla)*!
12. Għand Sidek, dakinhar, it-tmiem.
13. Dakinhar il-bniedem jitħabbarlu dak li jkun bagħat quddiemu *(f'għemejjel)* u x'ħalla warajh *(f'għemejjel fejjieda għas-soċjetà)*.
14. Le! Il-bniedem ikun xhud kontra tiegħu nnifsu *(u ġismu stess jixlih)*,
15. għalkemm iġib l-iskużi tiegħu *(biex mingħalih jeħles mill-kastig)*.
16. La tħarrikx ilsienek bih *(il-Qoran, Muħammad, meta jitnebbaħlek)* biex tgħaġġlu *(għaliex tibża' li tinsa xi versi)*.
17. F'idejna, tabilħaqq, il-ġabra tiegħu *(tal-Qoran f'qalbek)*, u l-qari tiegħu *(minnek)*.
18. U meta naqrawh *(lilek, permezz ta' l-anġlu Gabrijel)*, isma' l-qari *(kollu sa ma jieqaf u la tlissinx kelma inti u tisimgħu)*,
19. imbagħad f'idejna t-tifsir tiegħu.

كَلَّا بَلْ تُحِبُّونَ الْعَاجِلَةَ ﴿20﴾ وَتَذَرُونَ الْآخِرَةَ ﴿21﴾ وُجُوهٌ يَوْمَئِذٍ نَّاضِرَةٌ ﴿22﴾
إِلَىٰ رَبِّهَا نَاظِرَةٌ ﴿23﴾ وَوُجُوهٌ يَوْمَئِذٍ بَاسِرَةٌ ﴿24﴾ تَظُنُّ أَن يُفْعَلَ بِهَا فَاقِرَةٌ ﴿25﴾
كَلَّا إِذَا بَلَغَتِ التَّرَاقِيَ ﴿26﴾ وَقِيلَ مَنْ ۜ رَاقٍ ﴿27﴾ وَظَنَّ أَنَّهُ الْفِرَاقُ ﴿28﴾ وَالْتَفَّتِ
السَّاقُ بِالسَّاقِ ﴿29﴾ إِلَىٰ رَبِّكَ يَوْمَئِذٍ الْمَسَاقُ ﴿30﴾ فَلَا صَدَّقَ وَلَا صَلَّىٰ
﴿31﴾ وَلَٰكِن كَذَّبَ وَتَوَلَّىٰ ﴿32﴾ ثُمَّ ذَهَبَ إِلَىٰٓ أَهْلِهِ يَتَمَطَّىٰٓ ﴿33﴾ أَوْلَىٰ لَكَ
فَأَوْلَىٰ ﴿34﴾ ثُمَّ أَوْلَىٰ لَكَ فَأَوْلَىٰٓ ﴿35﴾ أَيَحْسَبُ الْإِنسَانُ أَن يُتْرَكَ سُدًى ﴿36﴾
أَلَمْ يَكُ نُطْفَةً مِّن مَّنِيٍّ يُمْنَىٰ ﴿37﴾ ثُمَّ كَانَ عَلَقَةً فَخَلَقَ فَسَوَّىٰ ﴿38﴾ فَجَعَلَ مِنْهُ
الزَّوْجَيْنِ الذَّكَرَ وَالْأُنثَىٰٓ ﴿39﴾ أَلَيْسَ ذَٰلِكَ بِقَادِرٍ عَلَىٰٓ أَن يُحْيِيَ الْمَوْتَىٰ ﴿40﴾

سورة الإنسان

بسم الله الرحمن الرحيم

هَلْ أَتَىٰ عَلَى الْإِنسَانِ حِينٌ مِّنَ الدَّهْرِ لَمْ يَكُن شَيْئًا مَّذْكُورًا ﴿1﴾
إِنَّا خَلَقْنَا الْإِنسَانَ مِن نُّطْفَةٍ أَمْشَاجٍ نَّبْتَلِيهِ فَجَعَلْنَاهُ سَمِيعًا
بَصِيرًا ﴿2﴾ إِنَّا هَدَيْنَاهُ السَّبِيلَ إِمَّا شَاكِرًا وَإِمَّا كَفُورًا ﴿3﴾
إِنَّا أَعْتَدْنَا لِلْكَافِرِينَ سَلَاسِلَا۠ وَأَغْلَالًا وَسَعِيرًا ﴿4﴾ إِنَّ
الْأَبْرَارَ يَشْرَبُونَ مِن كَأْسٍ كَانَ مِزَاجُهَا كَافُورًا ﴿5﴾

سكتة لطيفة على النون

20. Le! Intom thobbu *(din)* id-dinja li malajr tghaddi,
21. u thallu *(id-dinja)* l-Ohra *(qisha ma hijiex ġejja fuqkom)*.
22. Dakinhar xi wċuh *(dawk tal-ġusti)* ikunu jleqqu;
23. lejn Sidhom iharsu.
24. U xi wċuh *(dawk tal-ħżiena)* dakinhar, ikunu kiebja,
25. *(għaliex)* jafu li ġej fuqhom saram kbir.
26. Le *(m'intomx se ddumu bla kastig)*! Meta *(ir-ruħ)* tasal sa l-għadam ta' l-għonq *(u tkun għoddha ħarġet mill-bniedem)*,
27. u jingħad *(mill-qraba)*: "Min jitlob għalih u jfejqu?"
28. U *(min ikun fl-għafja tal-mewt)* jaf li huwa tassew it-tluq,
29. u s-sieq tinbaram mas-sieq,
30. lejn Sidek, dakinhar, tinsaq!
31. Huwa *(ta' bla twemmin)* la emmen u lanqas talab,
32. iżda giddeb *(il-Qoran)* u ta dahru *(lit-twemmin)*.
33. Imbagħad mar għand niesu, jitkessaħ.
34. Ħażin għalik, ħażin ikun għalik!
35. Tassew ħażin għalik, ħażin ikun għalik!
36. Jaqaw il-bniedem jaħseb li jitħalla għal rihu *(mingħajr ma jagħti kont lil Alla, u bla ma jieħu l-ħlas misthoqq)*?
37. Mela *(il-bniedem)* ma kienx nitfa ta' sperma li tinxteħet *(fil-ġuf – daqshekk kien żgħir u ma jiswa xejn)*,
38. imbagħad kien demm magħqud? *(Alla)* ħalaq u sawwar,
39. u minnu għamel iż-żewġ: ir-raġel u l-mara.
40. Jaqaw Dak *(il-Ħallieq)* ma għandux is-setgħa jagħti l-ħajja lill-mejtin?

76. *Sūratu l-'Insān*

(Suret il-Bniedem – Niżlet f'Mekka b'31 vers)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Hanin.

1. Jaqaw ma ġiex fuq il-bniedem xi ħin miż-żmien meta ma kien xejn li għandu jissemma *(għaliex kien għadu ma nħalaqx)*.
2. Aħna tabilħaqq ħlaqna lill-bniedem minn nitfa ta' sperma mħallta *(mal-bajda tal-mara)* biex inġarrbuh, u għamilnieh jisma' u jara.
3. Aħna wrejnieh it-triq, sew jekk jiżżi ħajr, u sew jekk jiċħad *(il-grazzja ta' Alla)*.
4. Aħna tabilħaqq ħejjejna għal dawk li jiċħdu t-twemmin ktajjen, xkiel u Nar iħeġġeġ.
5. Il-ġusti tabilħaqq jixorbu minn tazza nbid li jkun imħallat bil-ganfra;

عَيْنًا يَشْرَبُ بِهَا عِبَادُ اللَّهِ يُفَجِّرُونَهَا تَفْجِيرًا ﴿6﴾ يُوفُونَ بِالنَّذْرِ وَيَخَافُونَ
يَوْمًا كَانَ شَرُّهُ مُسْتَطِيرًا ﴿7﴾ وَيُطْعِمُونَ الطَّعَامَ عَلَىٰ حُبِّهِ مِسْكِينًا
وَيَتِيمًا وَأَسِيرًا ﴿8﴾ إِنَّمَا نُطْعِمُكُمْ لِوَجْهِ اللَّهِ لَا نُرِيدُ مِنكُمْ جَزَاءً وَلَا شُكُورًا
﴿9﴾ إِنَّا نَخَافُ مِن رَّبِّنَا يَوْمًا عَبُوسًا قَمْطَرِيرًا ﴿10﴾ فَوَقَاهُمُ اللَّهُ شَرَّ ذَٰلِكَ
الْيَوْمِ وَلَقَّاهُمْ نَضْرَةً وَسُرُورًا ﴿11﴾ وَجَزَاهُم بِمَا صَبَرُوا جَنَّةً وَحَرِيرًا
﴿12﴾ مُّتَّكِئِينَ فِيهَا عَلَى الْأَرَائِكِ لَا يَرَوْنَ فِيهَا شَمْسًا وَلَا زَمْهَرِيرًا ﴿13﴾
وَدَانِيَةً عَلَيْهِمْ ظِلَالُهَا وَذُلِّلَتْ قُطُوفُهَا تَذْلِيلًا ﴿14﴾ وَيُطَافُ عَلَيْهِم بِآنِيَةٍ
مِّن فِضَّةٍ وَأَكْوَابٍ كَانَتْ قَوَارِيرَا ﴿15﴾ قَوَارِيرَا مِن فِضَّةٍ قَدَّرُوهَا تَقْدِيرًا ﴿16﴾
وَيُسْقَوْنَ فِيهَا كَأْسًا كَانَ مِزَاجُهَا زَنجَبِيلًا ﴿17﴾ عَيْنًا فِيهَا تُسَمَّىٰ سَلْسَبِيلًا
﴿18﴾ ۞ وَيَطُوفُ عَلَيْهِمْ وِلْدَانٌ مُّخَلَّدُونَ إِذَا رَأَيْتَهُمْ حَسِبْتَهُمْ لُؤْلُؤًا مَّنثُورًا
﴿19﴾ وَإِذَا رَأَيْتَ ثَمَّ رَأَيْتَ نَعِيمًا وَمُلْكًا كَبِيرًا ﴿20﴾ عَالِيَهُمْ ثِيَابُ سُندُسٍ
خُضْرٌ وَإِسْتَبْرَقٌ ۖ وَحُلُّوا أَسَاوِرَ مِن فِضَّةٍ وَسَقَاهُمْ رَبُّهُمْ شَرَابًا
طَهُورًا ﴿21﴾ إِنَّ هَٰذَا كَانَ لَكُمْ جَزَاءً وَكَانَ سَعْيُكُم مَّشْكُورًا ﴿22﴾ إِنَّا
نَحْنُ نَزَّلْنَا عَلَيْكَ الْقُرْآنَ تَنزِيلًا ﴿23﴾ فَاصْبِرْ لِحُكْمِ رَبِّكَ وَلَا تُطِعْ
مِنْهُمْ آثِمًا أَوْ كَفُورًا ﴿24﴾ وَاذْكُرِ اسْمَ رَبِّكَ بُكْرَةً وَأَصِيلًا ﴿25﴾

ثلاثة أرباع الحزب 58

6. għajn li jixorbu minnha l-qaddejja ta' Alla; iġegħluha tgelgel kotrana.
7. Huma jżommu l-wegħdiet *(tagħhom ma' Alla)* u jibżgħu minn Jum meta s-saram u l-biża' tiegħu jittajru ma' kullimkien.
8. Għall-imħabba tiegħu *(ta' Alla, il-ġusti)* jitimgħu l-ikel lill-fqir, lill-iltim u lill-ilsir.
9. "Ma nitimgħukomx jekk mhux għal Wiċċ Alla! Ma rridu minnkom la ħlas u lanqas ħajr.
10. Aħna tabilħaqq nibżgħu *(li jkollna)* mingħand Sidna Jum iebes, ta' saram kbir."
11. Għalhekk Alla jħarishom *(lill-ġusti)* mill-ħażen ta' dak il-Jum u jsawwab fuqhom dawl *(fl-uċuħ)* u ferħ *(fil-qlub)*,
12. u jħallashom, talli stabru, bi Ġnien *(l-Għeden)* u *(bi lbies)* tal-ħarir,
13. mimdudin fih fuq id-divani; ma jaraw fih la xemx *(tikwi)* u lanqas kesħa kbira.
14. Id-dellijiet tiegħu *(dak il-Ġnien)* jersqu fuqhom, u l-frott tiegħu jinġieb fil-qrib *(biex jaqtgħuh bla ebda taħbit)*,
15. u jgħaddu fosthom ġarar tal-fidda u bwieqi li jkunu ta' l-ifjen ħġieġ,
16. *(ta')* l-ifjen ħġieġ *(u magħmula)* mill-fidda li *(dawk li jħejju x-xorb)* jimlewhom bil-qjies *(skond il-ħtieġa)*.
17. U fih jingħataw jixorbu tazza nbid imħallat bil-ġinġer,
18. *(minn)* għajn li tinsab fih, jisimha Salsabīl.
19. U jduru magħhom *(biex iqassmulhom u jaqduhom)* żgħażagħ subien li ma jmutu qatt; meta tarahom taħsibhom perli mxerrdin.
20. U meta thares hemm *(fil-Ġenna)* tara hena u saltna kbira.
21. Fuqhom *(il-ġusti jkollhom)* ħwejjeġ ħodor tal-ħarir fin u mbrukkat, u jiżżejnu bi brazzuletti tal-fidda, u Sidhom jisqihom xorb safi.
22. Dan tabilħaqq ikun ħlas għalikom, u t-thabrik tagħkom ikun *(milqugħ u)* mogħti ħajr.
23. Aħna tabilħaqq niżżilna fuqek il-Qoran!
24. Mela stabar *(Muħammad)* għall-amar ta' Sidek, u la toqgħodx għal dawk minnhom li huma ħatjin jew jiċħdu t-twemmin!
25. U ftakar f'Isem Sidek filgħodu kmieni u filgħaxija,

وَمِنَ ٱلَّيۡلِ فَٱسۡجُدۡ لَهُۥ وَسَبِّحۡهُ لَيۡلٗا طَوِيلًا ﴿26﴾ إِنَّ
هَٰٓؤُلَآءِ يُحِبُّونَ ٱلۡعَاجِلَةَ وَيَذَرُونَ وَرَآءَهُمۡ يَوۡمٗا ثَقِيلٗا ﴿27﴾ نَّحۡنُ
خَلَقۡنَٰهُمۡ وَشَدَدۡنَآ أَسۡرَهُمۡۖ وَإِذَا شِئۡنَا بَدَّلۡنَآ أَمۡثَٰلَهُمۡ تَبۡدِيلًا
﴿28﴾ إِنَّ هَٰذِهِۦ تَذۡكِرَةٞۖ فَمَن شَآءَ ٱتَّخَذَ إِلَىٰ رَبِّهِۦ سَبِيلٗا ﴿29﴾
وَمَا تَشَآءُونَ إِلَّآ أَن يَشَآءَ ٱللَّهُۚ إِنَّ ٱللَّهَ كَانَ عَلِيمًا حَكِيمٗا ﴿30﴾
يُدۡخِلُ مَن يَشَآءُ فِي رَحۡمَتِهِۦۚ وَٱلظَّٰلِمِينَ أَعَدَّ لَهُمۡ عَذَابًا أَلِيمَۢا ﴿31﴾

سُورَةُ المُرۡسَلَٰتِ

بِسۡمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحۡمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

وَٱلۡمُرۡسَلَٰتِ عُرۡفٗا ﴿1﴾ فَٱلۡعَٰصِفَٰتِ عَصۡفٗا ﴿2﴾ وَٱلنَّٰشِرَٰتِ نَشۡرٗا ﴿3﴾
فَٱلۡفَٰرِقَٰتِ فَرۡقٗا ﴿4﴾ فَٱلۡمُلۡقِيَٰتِ ذِكۡرًا ﴿5﴾ عُذۡرًا أَوۡ نُذۡرًا ﴿6﴾ إِنَّمَا
تُوعَدُونَ لَوَٰقِعٞ ﴿7﴾ فَإِذَا ٱلنُّجُومُ طُمِسَتۡ ﴿8﴾ وَإِذَا ٱلسَّمَآءُ فُرِجَتۡ
﴿9﴾ وَإِذَا ٱلۡجِبَالُ نُسِفَتۡ ﴿10﴾ وَإِذَا ٱلرُّسُلُ أُقِّتَتۡ ﴿11﴾ لِأَيِّ يَوۡمٍ أُجِّلَتۡ
﴿12﴾ لِيَوۡمِ ٱلۡفَصۡلِ ﴿13﴾ وَمَآ أَدۡرَىٰكَ مَا يَوۡمُ ٱلۡفَصۡلِ ﴿14﴾ وَيۡلٞ يَوۡمَئِذٖ
لِّلۡمُكَذِّبِينَ ﴿15﴾ أَلَمۡ نُهۡلِكِ ٱلۡأَوَّلِينَ ﴿16﴾ ثُمَّ نُتۡبِعُهُمُ ٱلۡأٓخِرِينَ
﴿17﴾ كَذَٰلِكَ نَفۡعَلُ بِٱلۡمُجۡرِمِينَ ﴿18﴾ وَيۡلٞ يَوۡمَئِذٖ لِّلۡمُكَذِّبِينَ ﴿19﴾

26. u *(għal xi ħin)* mil-lejl inxteħet quddiemu, u sebbħu billejl, fit-tul!
27. Dawn *(li ma jemmnux)* tabilħaqq iħobbu *(din)* id-dinja li malajr tgħaddi u jħallu warajhom Jum tqil *(Jum il-Qawmien)*.
28. Aħna ħlaqniehom *(mix-xejn)*, u saħħaħna l-ħolqien tagħhom, u meta rridu nbiddluhom tassew ma' oħrajn bħalhom *(fil-ħolqien imma aħjar minnhom fl-għemil)*.
29. Tabilħaqq li din *(ir-Rivelazzjoni)* hija tifkira. Għalhekk min irid, jieħu triq lejn Sidu.
30. U ma tridux, ħlief jekk Alla jrid. Alla tabilħaqq jaf kollox u Għaref.
31. Huwa jdaħħal lil min irid fil-ħniena tiegħu, u lill-ħżiena hejjielhom kastig ta' wġigħ.

77. *Sūratu l-Mursalāt*

(Suret L-Irjieħ Mibgħuta – Niżlet f'Mekka b'50 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *(Naħilfu)* fuq l-irjieħ il-mibgħuta, wieħed wara l-ieħor,
2. u fuq l-irjieħ qawwija *(li jagħmlu ħerba)*,
3. u fuq l-anġli li jxerrdu sewwa,
4. u fuq l-anġli li joforqu sewwa *(bejn it-tajjeb u l-ħażin)*,
5. u fuq l-anġli li jniżżlu t-tifkira *(minn Alla lill-Profeti)*,
6. b'mogħdrija jew bi twissija,
7. li dak li intom imwegħdin tabilħaqq iseħħ!
8. U meta l-kwiekeb jintfew,
9. u meta s-sema jinqasam,
10. u meta l-iġbla *(jsiru trab u)* jixterdu *(mar-riħ)*,
11. u meta l-Mibgħutin jingħataw ħin *(biex jinġabru quddiem Alla)*,
12. għal liema Jum tħallew?
13. Għal Jum il-Firda *(tat-tajbin mill-ħżiena)*.
14. U x'inhu li jgħarrfek *(Muħammad)* x'inhu Jum il-Firda?
15. Dakinhar ħażin għal dawk li jgiddbu!
16. Mela ma qridniex il-ġnus tal-qedem,
17. imbagħad bgħatna warajhom *(lill-ġnus)* l-oħrajn *(li għexu warajhom u bħalhom kienu ċaħdu lil Alla)*?
18. Hekk nagħmlu lill-ħatjin!
19. Ħażin ikun, dakinhar, għal dawk li jgiddbu!

أَلَمْ نَخْلُقكُّم مِّن مَّآءٍ مَّهِينٍ ﴿20﴾ فَجَعَلْنَٰهُ فِى قَرَارٍ مَّكِينٍ ﴿21﴾ إِلَىٰ قَدَرٍ
مَّعْلُومٍ ﴿22﴾ فَقَدَرْنَا فَنِعْمَ ٱلْقَٰدِرُونَ ﴿23﴾ وَيْلٌ يَوْمَئِذٍ لِّلْمُكَذِّبِينَ ﴿24﴾
أَلَمْ نَجْعَلِ ٱلْأَرْضَ كِفَاتًا ﴿25﴾ أَحْيَآءً وَأَمْوَٰتًا ﴿26﴾ وَجَعَلْنَا فِيهَا رَوَٰسِىَ
شَٰمِخَٰتٍ وَأَسْقَيْنَٰكُم مَّآءً فُرَاتًا ﴿27﴾ وَيْلٌ يَوْمَئِذٍ لِّلْمُكَذِّبِينَ ﴿28﴾
ٱنطَلِقُوٓا۟ إِلَىٰ مَا كُنتُم بِهِۦ تُكَذِّبُونَ ﴿29﴾ ٱنطَلِقُوٓا۟ إِلَىٰ ظِلٍّ ذِى ثَلَٰثِ
شُعَبٍ ﴿30﴾ لَّا ظَلِيلٍ وَلَا يُغْنِى مِنَ ٱللَّهَبِ ﴿31﴾ إِنَّهَا تَرْمِى بِشَرَرٍ
كَٱلْقَصْرِ ﴿32﴾ كَأَنَّهُۥ جِمَٰلَتٌ صُفْرٌ ﴿33﴾ وَيْلٌ يَوْمَئِذٍ لِّلْمُكَذِّبِينَ ﴿34﴾
هَٰذَا يَوْمُ لَا يَنطِقُونَ ﴿35﴾ وَلَا يُؤْذَنُ لَهُمْ فَيَعْتَذِرُونَ ﴿36﴾ وَيْلٌ يَوْمَئِذٍ
لِّلْمُكَذِّبِينَ ﴿37﴾ هَٰذَا يَوْمُ ٱلْفَصْلِ ۖ جَمَعْنَٰكُمْ وَٱلْأَوَّلِينَ ﴿38﴾ فَإِن كَانَ
لَكُمْ كَيْدٌ فَكِيدُونِ ﴿39﴾ وَيْلٌ يَوْمَئِذٍ لِّلْمُكَذِّبِينَ ﴿40﴾ إِنَّ ٱلْمُتَّقِينَ فِى
ظِلَٰلٍ وَعُيُونٍ ﴿41﴾ وَفَوَٰكِهَ مِمَّا يَشْتَهُونَ ﴿42﴾ كُلُوا۟ وَٱشْرَبُوا۟ هَنِيٓـًٔۢا
بِمَا كُنتُمْ تَعْمَلُونَ ﴿43﴾ إِنَّا كَذَٰلِكَ نَجْزِى ٱلْمُحْسِنِينَ ﴿44﴾ وَيْلٌ يَوْمَئِذٍ
لِّلْمُكَذِّبِينَ ﴿45﴾ كُلُوا۟ وَتَمَتَّعُوا۟ قَلِيلًا إِنَّكُم مُّجْرِمُونَ ﴿46﴾ وَيْلٌ يَوْمَئِذٍ
لِّلْمُكَذِّبِينَ ﴿47﴾ وَإِذَا قِيلَ لَهُمُ ٱرْكَعُوا۟ لَا يَرْكَعُونَ ﴿48﴾ وَيْلٌ
يَوْمَئِذٍ لِّلْمُكَذِّبِينَ ﴿49﴾ فَبِأَىِّ حَدِيثٍۭ بَعْدَهُۥ يُؤْمِنُونَ ﴿50﴾

20. Jaqaw ma ħlaqnikomx minn ilma mkasbar *(l-isperma)*,
21. u qegħednieh f'imkien fis-sod *(f'ġuf l-omm)*,
22. sa żmien magħruf?
23. Aħna *(hekk)* fassalna. Tajbin wisq dawk li jfasslu bis-setgħa *(Alla l-Imbierek)*!
24. Ħażin ikun, dakinhar, għal dawk li jgiddbu!
25. Jaqaw ma għamilniex l-art tilqa' kollox fiha,
26. ħajjin u mejtin,
27. u qegħedna fiha iġbla, fis-sod u għoljin, u sqejniekom ilma ħelu?
28. Ħażin ikun, dakinhar, għal dawk li jgiddbu!
29. *(Jingħad lilhom:)* "Itilqu lejn dak *(il-Jum u l-kastig)* li kontu tgiddbu!
30. Itilqu lejn dell *(id-duħħan sfiq ta' l-Infern li jitla' 'l fuq)* fi tliet kolonni;
31. *(dell)* li la jdellel u lanqas jiswa kontra l-ilsna tan-nar.
32. *(L-Infern)* tabilħaqq jarmi xrar *(kbar)* bħal kastell,
33. bħal *(serbut)* iġmla sofor *(ħfief fil-ġiri)*."
34. Ħażin ikun, dakinhar, għal dawk li jgiddbu!
35. Dan Jum ma jitkellmux,
36. U lanqas jitħallew iġibu skużi.
37. Ħażin ikun, dakinhar, għal dawk li jgiddbu!
38. Dan Jum il-Firda *(tat-tajbin mill-ħżiena)*; ġbarniekom mal-ġnus tal-qedem.
39. Mela jekk *(issa)* għandkom xi nasba, onsbuni *(jekk għandkom il-ħila)*!
40. Ħażin ikun, dakinhar, għal dawk li jgiddbu!
41. Il-ġusti tabilħaqq ikunu f'dellijiet u f'għejun *(ta' l-ilma)*,
42. u *(jkollhom)* frott minn dak li jixtiequ.
43. *(Jingħad lilhom:)* "Kulu u ixorbu għal qalbkom, ta' dak *(it-tajjeb)* li kontu tagħmlu *(fid-dinja)*!"
44. Tabilħaqq li Aħna hekk inħallsu lil dawk li jagħmlu t-tajjeb.
45. Ħażin ikun, dakinhar, għal dawk li jgiddbu!
46. *(Lill-ħżiena ngħidulhom:)* "Kulu u gawdu xi ftit *(għal issa)*; intom tabilħaqq ħżiena!"
47. Ħażin ikun, dakinhar, għal dawk li jgiddbu!
48. U meta jingħad lilhom *(fid-dinja)*: "Milu *(u agħtu qima)*," huma ma jmilux.
49. Ħażin ikun, dakinhar, għal dawk li jgiddbu!
50. Mela f'liema kliem warajh *(dan il-Qoran)* se jemmnu?

سُورَةُ النَّبَإِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

الجزء 30
الحزب 59

عَمَّ يَتَسَاءَلُونَ ﴿1﴾ عَنِ النَّبَإِ الْعَظِيمِ ﴿2﴾ الَّذِي هُمْ فِيهِ مُخْتَلِفُونَ ﴿3﴾
كَلَّا سَيَعْلَمُونَ ﴿4﴾ ثُمَّ كَلَّا سَيَعْلَمُونَ ﴿5﴾ أَلَمْ نَجْعَلِ الْأَرْضَ مِهَادًا ﴿6﴾
وَالْجِبَالَ أَوْتَادًا ﴿7﴾ وَخَلَقْنَاكُمْ أَزْوَاجًا ﴿8﴾ وَجَعَلْنَا نَوْمَكُمْ سُبَاتًا
﴿9﴾ وَجَعَلْنَا اللَّيْلَ لِبَاسًا ﴿10﴾ وَجَعَلْنَا النَّهَارَ مَعَاشًا ﴿11﴾ وَبَنَيْنَا
فَوْقَكُمْ سَبْعًا شِدَادًا ﴿12﴾ وَجَعَلْنَا سِرَاجًا وَهَّاجًا ﴿13﴾ وَأَنزَلْنَا
مِنَ الْمُعْصِرَاتِ مَاءً ثَجَّاجًا ﴿14﴾ لِنُخْرِجَ بِهِ حَبًّا وَنَبَاتًا ﴿15﴾ وَجَنَّاتٍ
أَلْفَافًا ﴿16﴾ إِنَّ يَوْمَ الْفَصْلِ كَانَ مِيقَاتًا ﴿17﴾ يَوْمَ يُنفَخُ فِي الصُّورِ
فَتَأْتُونَ أَفْوَاجًا ﴿18﴾ وَفُتِحَتِ السَّمَاءُ فَكَانَتْ أَبْوَابًا ﴿19﴾ وَسُيِّرَتِ
الْجِبَالُ فَكَانَتْ سَرَابًا ﴿20﴾ إِنَّ جَهَنَّمَ كَانَتْ مِرْصَادًا ﴿21﴾ لِّلطَّاغِينَ
مَآبًا ﴿22﴾ لَّابِثِينَ فِيهَا أَحْقَابًا ﴿23﴾ لَّا يَذُوقُونَ فِيهَا بَرْدًا وَلَا شَرَابًا
﴿24﴾ إِلَّا حَمِيمًا وَغَسَّاقًا ﴿25﴾ جَزَاءً وِفَاقًا ﴿26﴾ إِنَّهُمْ كَانُوا
لَا يَرْجُونَ حِسَابًا ﴿27﴾ وَكَذَّبُوا بِآيَاتِنَا كِذَّابًا ﴿28﴾ وَكُلَّ شَيْءٍ
أَحْصَيْنَاهُ كِتَابًا ﴿29﴾ فَذُوقُوا فَلَن نَّزِيدَكُمْ إِلَّا عَذَابًا ﴿30﴾

78. *Sūratu n-Naba'*

(Suret l-Aħbar – Niżlet f'Mekka b'40 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Fuqiex qegħdin jistaqsu wieħed lill-ieħor?
2. Fuq l-aħbar il-kbira,
3. li fuqha huma ma jaqblux.
4. Le! Se jkunu jafu *(dalwaqt x'inhi din l-aħbar)*!
5. Għal darba oħra: le! Se jkunu jafu!
6. Jaqaw ma għamilniex l-art bħal friex *(mifrux quddiemkom)*,
7. u l-iġbla bħal utied *(biex ma jħallux l-art titħarrek)*?[69]
8. Ħlaqniekom tnejn tnejn *(irġiel u nisa)*,
9. u għamilna l-irqad tagħkom mistrieħ *(għalikom)*,
10. u għamilna l-lejl bħal ilbies *(li jgħattikom fid-dalma tiegħu)*,
11. u għamilna n-nhar għall-għajxien *(tagħkom)*.
12. U bnejna fuqkom seba' *(smewwiet)* imqiegħda fis-sod,
13. u għamilna musbieħ jiddi *(ix-xemx)*,
14. u nniżżlu mis-sħab tax-xita ilma kotran
15. biex bih noħorġu qmuħ u ħxejjex,
16. u ġonna mrassin bis-siġar.
17. Tassew li Jum il-Ħaqq u l-Firda *(bejn it-tajbin u l-ħżiena)* huwa żmien maħsub;
18. fil-Jum meta tindaqq it-trumbetta u tiġu ġgajtiet ġgajtiet,
19. u s-sema jinfetaħ u jsir bħal bibien,
20. u l-iġbla jitneħħew u jkunu *(biss)* miraġġ.
21. L-Infern, tabilħaqq, nasba *(għall-ħatjin)*,
22. kenn tal-ħżiena li għamlu wisq;
23. fih jibqgħu għal żminijiet sħaħ,
24. la jduqu fih bruda *(li sserraħhom mill-ħruq)* u lanqas xorb,
25. *(ma jduqux)* ħlief xorb jagħli u materja tinten *(ħierġa mill-iġsma tal-ħżiena fl-Infern)*;
26. *(dak ikun)* ħlas misthoqq *(tal-ħtijiet tagħhom)*.
27. Huma ma kinux jistennew *(li jsir)* kont *(magħhom)*,
28. u giddbu s-sinjali tagħna, kemm felħu.
29. Kollox niżżilna fi ktieb *(l-għemejjel, tajbin u ħżiena)*.
30. Mela duqu *(il-ħlas)*! M'aħniex se nżidukom ħlief fil-kastig!

---

[69] *Utied*, il-plural ta' *wited*, kelma li, fost l-oħrajn, tfisser "musmar ta' l-injam li jiddeffes fl-art biex iżomm tinda". Din hija l-funzjoni tal-muntanji: li jżommu l-art milli titħarrek u titheżżeż.

إِنَّ لِلْمُتَّقِينَ مَفَازًا ﴿31﴾ حَدَآئِقَ وَأَعْنَٰبًا ﴿32﴾ وَكَوَاعِبَ أَتْرَابًا ﴿33﴾ وَكَأْسًا
دِهَاقًا ﴿34﴾ لَّا يَسْمَعُونَ فِيهَا لَغْوًا وَلَا كِذَّٰبًا ﴿35﴾ جَزَآءً مِّن رَّبِّكَ عَطَآءً
حِسَابًا ﴿36﴾ رَّبِّ ٱلسَّمَٰوَٰتِ وَٱلْأَرْضِ وَمَا بَيْنَهُمَا ٱلرَّحْمَٰنِ لَا يَمْلِكُونَ
مِنْهُ خِطَابًا ﴿37﴾ يَوْمَ يَقُومُ ٱلرُّوحُ وَٱلْمَلَٰٓئِكَةُ صَفًّا لَّا يَتَكَلَّمُونَ
إِلَّا مَنْ أَذِنَ لَهُ ٱلرَّحْمَٰنُ وَقَالَ صَوَابًا ﴿38﴾ ذَٰلِكَ ٱلْيَوْمُ ٱلْحَقُّ فَمَن
شَآءَ ٱتَّخَذَ إِلَىٰ رَبِّهِۦ مَـَٔابًا ﴿39﴾ إِنَّآ أَنذَرْنَٰكُمْ عَذَابًا قَرِيبًا يَوْمَ
يَنظُرُ ٱلْمَرْءُ مَا قَدَّمَتْ يَدَاهُ وَيَقُولُ ٱلْكَافِرُ يَٰلَيْتَنِى كُنتُ تُرَٰبًا ﴿40﴾

سُورَةُ النَّازِعَاتِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

وَٱلنَّٰزِعَٰتِ غَرْقًا ﴿1﴾ وَٱلنَّٰشِطَٰتِ نَشْطًا ﴿2﴾ وَٱلسَّٰبِحَٰتِ سَبْحًا
﴿3﴾ فَٱلسَّٰبِقَٰتِ سَبْقًا ﴿4﴾ فَٱلْمُدَبِّرَٰتِ أَمْرًا ﴿5﴾ يَوْمَ تَرْجُفُ ٱلرَّاجِفَةُ
﴿6﴾ تَتْبَعُهَا ٱلرَّادِفَةُ ﴿7﴾ قُلُوبٌ يَوْمَئِذٍ وَاجِفَةٌ ﴿8﴾ أَبْصَٰرُهَا
خَٰشِعَةٌ ﴿9﴾ يَقُولُونَ أَءِنَّا لَمَرْدُودُونَ فِى ٱلْحَافِرَةِ ﴿10﴾ أَءِذَا كُنَّا
عِظَٰمًا نَّخِرَةً ﴿11﴾ قَالُوا۟ تِلْكَ إِذًا كَرَّةٌ خَاسِرَةٌ ﴿12﴾ فَإِنَّمَا هِىَ زَجْرَةٌ
وَٰحِدَةٌ ﴿13﴾ فَإِذَا هُم بِٱلسَّاهِرَةِ ﴿14﴾ هَلْ أَتَىٰكَ حَدِيثُ مُوسَىٰٓ ﴿15﴾

31. Tabilħaqq li għall-ġusti hemm rebħa *(fil-Ġenna)*,
32. ġonna u dwieli,
33. u xebbiet b'sider mimli, ta' għomor wieħed,
34. u tazza mfawra.
35. Fiha *(il-Ġenna)* la jisimgħu kliem fieragħ u lanqas gideb;
36. *(dan ikun)* ħlas minn Sidek, għotja kbira
37. *(minn)* Sid is-smewwiet u l-art, u dak li hemm bejniethom; Kollu ħniena; ħadd ma jista' jkellmu!
38. Fil-Jum meta r-ruħ *(l-anġlu Gabrijel)* u l-anġli jqumu saff wieħed, ħuma ma jitkellmux, għajr dak li *(Alla)* Kollu ħniena jħallih *(jitkellem)* u jgħid is-sewwa.
39. Dak hu l-Jum tassew, u min irid *(jista')* jasal lura għal għand Sidu.
40. Aħna tabilħaqq wissejniekom b'kastig fil-qrib, fil-Jum meta l-bniedem jara dak li għamlu idejh, u dak li ċaħad it-twemmin jgħid: "Mhux li kont trab!"

79. *Sūratu n-Nāżigħāt*

(Suret Dawk (*l-Anġli*) li jaħtfu – Niżlet f'Mekka b'46 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *(Naħilfu)* fuq dawk *(l-anġli)* li jaħtfu *(l-erwieħ tal-ħżiena)* bil-qilla,
2. u fuq dawk *(l-anġli)* li jisiltu *(l-erwieħ tat-tajbin)* bil-ħlewwa,
3. u fuq dawk *(l-anġli)* li jgħumu *(fis-smewwiet, fil-qadi ta' Alla Sidhom)*,
4. u fuq dawk *(l-anġli)* li jinsabu minn ta' quddiem,
5. u fuq dawk *(l-anġli)* li jieħdu ħsieb *(kull)* amar *(ta' Alla)*,
6. *(li Jum il-Qawmien mill-imwiet għad jasal tassew)*; fil-Jum meta sseħħ l-ewwel nefħa fit-trumbetta *(u jmut kulħadd)*,
7. u warajha tiġi *(in-nefħa)* l-oħra *(u dak il-ħin iqumu l-mejtin)*.
8. Dakinhar il-qlub ikunu beżgħana,
9. *(u l-ħżiena jkollhom)* għajnejhom iħarsu 'l isfel.
10. Huma jgħidu: "Jaqaw se nintbagħtu lura fil-ħajja?
11. Jaqaw *(dan jista' jseħħ)* meta aħna sirna għadam immermer?"
12. Huma għidu: "Mela dik tkun miġja lura mitlufa *(għaliex fiha nieħdu l-kastig)*!"
13. Hija sejħa waħda biss,
14. u ara, ħuma *(jqumu minn taħt l-art u jsibu rwieħhom)* fuq wiċċ l-art *(lesti għal Jum il-Ħaqq)*.
15. *(Ja Muħammad)* waslitlek il-ġrajja ta' Mosè?

إِذْ نَادَىٰهُ رَبُّهُۥ بِٱلْوَادِ ٱلْمُقَدَّسِ طُوًى ﴿16﴾ ٱذْهَبْ إِلَىٰ فِرْعَوْنَ إِنَّهُۥ طَغَىٰ ﴿17﴾
فَقُلْ هَل لَّكَ إِلَىٰٓ أَن تَزَكَّىٰ ﴿18﴾ وَأَهْدِيَكَ إِلَىٰ رَبِّكَ فَتَخْشَىٰ ﴿19﴾ فَأَرَىٰهُ
ٱلْءَايَةَ ٱلْكُبْرَىٰ ﴿20﴾ فَكَذَّبَ وَعَصَىٰ ﴿21﴾ ثُمَّ أَدْبَرَ يَسْعَىٰ ﴿22﴾ فَحَشَرَ
فَنَادَىٰ ﴿23﴾ فَقَالَ أَنَا۠ رَبُّكُمُ ٱلْأَعْلَىٰ ﴿24﴾ فَأَخَذَهُ ٱللَّهُ نَكَالَ ٱلْءَاخِرَةِ وَٱلْأُولَىٰٓ
﴿25﴾ إِنَّ فِى ذَٰلِكَ لَعِبْرَةً لِّمَن يَخْشَىٰٓ ﴿26﴾ ءَأَنتُمْ أَشَدُّ خَلْقًا أَمِ ٱلسَّمَآءُ ۚ بَنَىٰهَا
﴿27﴾ رَفَعَ سَمْكَهَا فَسَوَّىٰهَا ﴿28﴾ وَأَغْطَشَ لَيْلَهَا وَأَخْرَجَ ضُحَىٰهَا ﴿29﴾
وَٱلْأَرْضَ بَعْدَ ذَٰلِكَ دَحَىٰهَآ ﴿30﴾ أَخْرَجَ مِنْهَا مَآءَهَا وَمَرْعَىٰهَا ﴿31﴾
وَٱلْجِبَالَ أَرْسَىٰهَا ﴿32﴾ مَتَٰعًا لَّكُمْ وَلِأَنْعَٰمِكُمْ ﴿33﴾ فَإِذَا جَآءَتِ ٱلطَّآمَّةُ
ٱلْكُبْرَىٰ ﴿34﴾ يَوْمَ يَتَذَكَّرُ ٱلْإِنسَٰنُ مَا سَعَىٰ ﴿35﴾ وَبُرِّزَتِ ٱلْجَحِيمُ
لِمَن يَرَىٰ ﴿36﴾ فَأَمَّا مَن طَغَىٰ ﴿37﴾ وَءَاثَرَ ٱلْحَيَوٰةَ ٱلدُّنْيَا ﴿38﴾ فَإِنَّ ٱلْجَحِيمَ
هِىَ ٱلْمَأْوَىٰ ﴿39﴾ وَأَمَّا مَنْ خَافَ مَقَامَ رَبِّهِۦ وَنَهَى ٱلنَّفْسَ عَنِ ٱلْهَوَىٰ
﴿40﴾ فَإِنَّ ٱلْجَنَّةَ هِىَ ٱلْمَأْوَىٰ ﴿41﴾ يَسْـَٔلُونَكَ عَنِ ٱلسَّاعَةِ أَيَّانَ مُرْسَىٰهَا
﴿42﴾ فِيمَ أَنتَ مِن ذِكْرَىٰهَآ ﴿43﴾ إِلَىٰ رَبِّكَ مُنتَهَىٰهَآ ﴿44﴾ إِنَّمَآ أَنتَ مُنذِرُ
مَن يَخْشَىٰهَا ﴿45﴾ كَأَنَّهُمْ يَوْمَ يَرَوْنَهَا لَمْ يَلْبَثُوٓا۟ إِلَّا عَشِيَّةً أَوْ ضُحَىٰهَا ﴿46﴾

سورة عبس

16. Meta sejjaħlu Sidu fil-wied imqaddes ta' Ṭuwā *(taħt il-muntanja)*:
17. "Mur għand il-Fargħun! Huwa tabilħaqq għamel wisq ħażen.
18. U għid*(lu)*: 'Trid tissaffa *(minn dnubietek)*,
19. u mmexxik lejn Sidek, u tibża' *(minnu)*?'"
20. U *(mar Mosè għand il-Fargħun. Dan m'emminx u għalhekk Mosè)* wrieh is-sinjal il-kbir *(meta bidel il-ħatar f'serp)*.
21. U *(il-Fargħun)* giddeb *(lil Mosè)*, u ma qagħadx *(għal Alla)*,
22. imbagħad ta dahru, u mar iħabrek *(fil-ħażen tiegħu)*.
23. Huwa ġabar *(lis-sħaħar)* u sejjaħ *(lil niesu)*,
24. u qal: "Jiena sidkom, l-ogħla!"
25. Għalhekk Alla kkastigah ta' l-aħħar *(stqarrija tiegħu, meta qal "Jiena sidkom, l-ogħla")* u ta' l-ewwel *(meta qal "Ma nafx li għandkom alla ieħor għajri!")*.
26. Tabilħaqq li f'dak hemm tagħlima għal min jibża'.
27. Jaqaw intom *(il-pagani Mekkin)* itqal biex tinħalqu, jew is-sema? Huwa bnieh,
28. u refa' l-għoli tiegħu, u għamlu sewwa,
29. u dallam il-lejl tiegħu, u ħareġ *(u dawwal)* l-għodwa tiegħu.
30. U l-art, wara' dak *(il-ħolqien tas-sema)*, firixha,
31. ħareġ minnha ilmijietha u l-mergħat tagħha,
32. u l-iġbla qegħedhom fis-sod,
33. tgawdija għalikom u għall-frat tagħkom.
34. Iżda meta jiġi l-akbar l-għawġ *(dakinhar ta' Jum il-Qawmien)*,
35. fil-Jum meta l-bniedem jiftakar dak li ħabrek għalih,
36. u n-Nar iheġġeġ jintwera lil min jara,
37. *(dakinhar)* min għamel wisq ħażen,
38. u ħabb aktar il-ħajja *(ta' din)* id-dinja,
39. tabilħaqq li n-Nar iheġġeġ ikun il-kenn *(għalih)*.
40. Iżda min beża' mill-waqfien quddiem Sidu *(f'Jum il-Ħaqq)*, u rażżan lilu nnifsu mix-xewqat fiergħa *(u l-ġibdiet tal-ġisem)*,
41. tabilħaqq li l-Ġenna tkun il-kenn *(għalih)*.
42. Jistaqsuk dwar is-Siegħa *(tal-qawmien)*: "Meta tasal?"
43. *(Għaliex jistaqsuk?)* Inti x'tista' tgħid dwarha?
44. Lejn Sidek it-tmiem tagħha.
45. Iżda inti *(Muħammad)* il-widdieb, biss, ta' min jibża' minnha *(is-Siegħa tal-qawmien)*.
46. Fil-Jum meta *(dawk bla twemmin)* jarawha, ikunu qishom ma baqgħux *(fid-dinja)* ħlief għaxija *(waħda biss)*, jew għodwa tagħha.

بسم الله الرحمن الرحيم

ربع الحزب 59

عَبَسَ وَتَوَلَّىٰٓ ﴿1﴾ أَن جَآءَهُ ٱلْأَعْمَىٰ ﴿2﴾ وَمَا يُدْرِيكَ لَعَلَّهُۥ يَزَّكَّىٰٓ ﴿3﴾ أَوْ
يَذَّكَّرُ فَتَنفَعَهُ ٱلذِّكْرَىٰٓ ﴿4﴾ أَمَّا مَنِ ٱسْتَغْنَىٰ ﴿5﴾ فَأَنتَ لَهُۥ تَصَدَّىٰ ﴿6﴾
وَمَا عَلَيْكَ أَلَّا يَزَّكَّىٰ ﴿7﴾ وَأَمَّا مَن جَآءَكَ يَسْعَىٰ ﴿8﴾ وَهُوَ يَخْشَىٰ ﴿9﴾ فَأَنتَ
عَنْهُ تَلَهَّىٰ ﴿10﴾ كَلَّآ إِنَّهَا تَذْكِرَةٌ ﴿11﴾ فَمَن شَآءَ ذَكَرَهُۥ ﴿12﴾ فِى صُحُفٍ مُّكَرَّمَةٍ
﴿13﴾ مَّرْفُوعَةٍ مُّطَهَّرَةٍ ﴿14﴾ بِأَيْدِى سَفَرَةٍ ﴿15﴾ كِرَامٍۭ بَرَرَةٍ ﴿16﴾ قُتِلَ ٱلْإِنسَٰنُ
مَآ أَكْفَرَهُۥ ﴿17﴾ مِنْ أَىِّ شَىْءٍ خَلَقَهُۥ ﴿18﴾ مِن نُّطْفَةٍ خَلَقَهُۥ فَقَدَّرَهُۥ ﴿19﴾ ثُمَّ
ٱلسَّبِيلَ يَسَّرَهُۥ ﴿20﴾ ثُمَّ أَمَاتَهُۥ فَأَقْبَرَهُۥ ﴿21﴾ ثُمَّ إِذَا شَآءَ أَنشَرَهُۥ ﴿22﴾ كَلَّا لَمَّا
يَقْضِ مَآ أَمَرَهُۥ ﴿23﴾ فَلْيَنظُرِ ٱلْإِنسَٰنُ إِلَىٰ طَعَامِهِۦٓ ﴿24﴾ أَنَّا صَبَبْنَا ٱلْمَآءَ صَبًّا
﴿25﴾ ثُمَّ شَقَقْنَا ٱلْأَرْضَ شَقًّا ﴿26﴾ فَأَنۢبَتْنَا فِيهَا حَبًّا ﴿27﴾ وَعِنَبًا وَقَضْبًا ﴿28﴾
وَزَيْتُونًا وَنَخْلًا ﴿29﴾ وَحَدَآئِقَ غُلْبًا ﴿30﴾ وَفَٰكِهَةً وَأَبًّا ﴿31﴾ مَّتَٰعًا لَّكُمْ
وَلِأَنْعَٰمِكُمْ ﴿32﴾ فَإِذَا جَآءَتِ ٱلصَّآخَّةُ ﴿33﴾ يَوْمَ يَفِرُّ ٱلْمَرْءُ مِنْ أَخِيهِ ﴿34﴾
وَأُمِّهِۦ وَأَبِيهِ ﴿35﴾ وَصَٰحِبَتِهِۦ وَبَنِيهِ ﴿36﴾ لِكُلِّ ٱمْرِئٍ مِّنْهُمْ يَوْمَئِذٍ شَأْنٌ
يُغْنِيهِ ﴿37﴾ وُجُوهٌ يَوْمَئِذٍ مُّسْفِرَةٌ ﴿38﴾ ضَاحِكَةٌ مُّسْتَبْشِرَةٌ ﴿39﴾ وَوُجُوهٌ
يَوْمَئِذٍ عَلَيْهَا غَبَرَةٌ ﴿40﴾ تَرْهَقُهَا قَتَرَةٌ ﴿41﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ هُمُ ٱلْكَفَرَةُ ٱلْفَجَرَةُ ﴿42﴾

80. *Sūratu Għabasa*

(Suret Dak li qarras Wiċċu – Niżlet f'Mekka bi 42 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Qarras wiċċu *(Muħammad)* u ta dahru,
2. għaliex ġieh l-agħma *(Għabd Allāh f'nofs ta' laqgħa)*.
3. U fejn taf? Għandu mnejn jissaffa *(minn dnubietu b'tagħlimek)*,
4. jew jitwissa *(bi kliemek)*, u tiswielu t-tifkira.
5. Iżda min jaħseb li waħdu jgħaddi *(bħalma ħasbu nies Qurajx)*,
6. inti *(Muħammad)* tagħtix kas tiegħu *(u tisimgħux)*,
7. għalkemm ma taħtix jekk ma jissaffiex *(b'tagħlimek)*.
8. Iżda min jiġik kollu ħeġġa *(biex jitgħallem dwar l-Islam)*,
9. u jibża' *(minn Alla, bħall-agħma Għabd Allāh)*,
10. inti *(Muħammad)* ma tagħtix kasu u tedha bi ħwejjeġ oħra.
11. Le, *(tagħmilx hekk)*! Din hija, tabilhaqq, twiddiba!
12. U min irid, ħalli jiftakarha!
13. F'Paġni ta' ġieħ *(tinsab din it-twiddiba)*,
14. merfugħa *(fl-għoli)*, imsaffija *(minn kull nuqqas)*,
15. b'idejn *(l-anġli)* il-kittieba *(u l-Mibgħutin ta' Alla)*,
16. kollhom ġieħ, twajbin.
17. Mishut il-bniedem! Kemm hu bla twemmin u ma jiżżix ħajr!
18. Minn xiex ħalqu *(Alla)*?
19. Minn nitfa *(ta' sperma)* ħalqu, u għamlu bil-qjies,
20. imbagħad it-triq ħaffifhielu *(u joħroġ minn ġuf ommu)*.
21. Imbagħad bagħatlu l-mewt u qiegħdu f'qabar,
22. imbagħad meta jrid, iqajmu *(għall-Ħajja ta' dejjem)*.
23. Le! *(Il-bniedem)* ma għamilx dak li *(Alla)* qabbdu.
24. Ħalli l-bniedem jaħseb dwar l-ikel tiegħu:
25. Aħna sawwabna l-ilma bil-kotra,
26. imbagħad xaqqaqna l-art sewwa,
27. u nibbitna fiha l-qmuħ,
28. u għeneb u ħxejjex,
29. u żebbuġ u siġar tal-palm,
30. u ġonna b'ħafna siġar,
31. u l-frott u l-għalf,
32. għall-għajxien tagħkom u tal-frat tagħkom.
33. U meta jiġi l-ħoss li jtarrax *(dakinhar ta' Jum il-Qawmien)*,
34. meta l-bniedem jaħrab minn ħuh,
35. u minn ommu u minn missieru,
36. u minn seħbitu u minn uliedu,
37. dakinhar kull bniedem minnhom ikollu biżżejjed fiex jaħseb.
38. Xi wċuh, dakinhar, ikunu jiddu,
39. daħkana, ferrieħa bil-bxara t-tajba *(li sthaqqilhom jidħlu l-Ġenna)*,
40. u xi wċuh, dakinhar, ikunu miksija bl-għabra,
41. imtaqqla bid-dalma.
42. Dawk huma li ma jemmnux, il-ħżiena.

سُورَةُ التَّكْوِيرِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

إِذَا الشَّمْسُ كُوِّرَتْ ﴿1﴾ وَإِذَا النُّجُومُ انكَدَرَتْ ﴿2﴾ وَإِذَا الْجِبَالُ
سُيِّرَتْ ﴿3﴾ وَإِذَا الْعِشَارُ عُطِّلَتْ ﴿4﴾ وَإِذَا الْوُحُوشُ حُشِرَتْ
﴿5﴾ وَإِذَا الْبِحَارُ سُجِّرَتْ ﴿6﴾ وَإِذَا النُّفُوسُ زُوِّجَتْ ﴿7﴾ وَإِذَا
الْمَوْءُودَةُ سُئِلَتْ ﴿8﴾ بِأَيِّ ذَنبٍ قُتِلَتْ ﴿9﴾ وَإِذَا الصُّحُفُ نُشِرَتْ
﴿10﴾ وَإِذَا السَّمَاءُ كُشِطَتْ ﴿11﴾ وَإِذَا الْجَحِيمُ سُعِّرَتْ ﴿12﴾ وَإِذَا الْجَنَّةُ
أُزْلِفَتْ ﴿13﴾ عَلِمَتْ نَفْسٌ مَّا أَحْضَرَتْ ﴿14﴾ فَلَا أُقْسِمُ بِالْخُنَّسِ ﴿15﴾
الْجَوَارِ الْكُنَّسِ ﴿16﴾ وَاللَّيْلِ إِذَا عَسْعَسَ ﴿17﴾ وَالصُّبْحِ إِذَا تَنَفَّسَ ﴿18﴾
إِنَّهُ لَقَوْلُ رَسُولٍ كَرِيمٍ ﴿19﴾ ذِي قُوَّةٍ عِندَ ذِي الْعَرْشِ مَكِينٍ ﴿20﴾ مُّطَاعٍ
ثَمَّ أَمِينٍ ﴿21﴾ وَمَا صَاحِبُكُم بِمَجْنُونٍ ﴿22﴾ وَلَقَدْ رَآهُ بِالْأُفُقِ الْمُبِينِ
﴿23﴾ وَمَا هُوَ عَلَى الْغَيْبِ بِضَنِينٍ ﴿24﴾ وَمَا هُوَ بِقَوْلِ شَيْطَانٍ رَّجِيمٍ ﴿25﴾
فَأَيْنَ تَذْهَبُونَ ﴿26﴾ إِنْ هُوَ إِلَّا ذِكْرٌ لِّلْعَالَمِينَ ﴿27﴾ لِمَن شَاءَ مِنكُمْ أَن
يَسْتَقِيمَ ﴿28﴾ وَمَا تَشَاءُونَ إِلَّا أَن يَشَاءَ اللَّهُ رَبُّ الْعَالَمِينَ ﴿29﴾

سُورَةُ الانفِطَارِ

81. *Sūratu t-Takwīr*

(Suret it-Tiwi – Niżlet f'Mekka b'29 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Meta x-xemx tintewa *(u ma ddawwalx aktar)*,
2. u meta l-kwiekeb jiddallmu u jaqgħu,
3. u meta l-iġbla jitneħħew,
4. u meta l-ġemliet b'għaxar xhur tqala jitħallew mitluqin,
5. u meta l-bhejjem salvaġġi jinġabru,
6. u meta l-ibħra jsiru ħuġġieġa,
7. u meta l-erwieħ jitlaqqgħu ma' dawk li huma bħalhom *(it-tajbin mat-tajbin, u l-ħżiena mal-ħżiena)*,
8. u meta t-tifla midfuna ħajja tkun mistoqsija
9. għal liema dnub inqatlet,
10. u meta l-paġni *(bl-għemejjel ta' kulħadd)* jinfetħu,
11. u meta s-sema jinqala' *(minn postu)*,
12. u meta n-Nar iħeġġeġ jitkebbes aktar,
13. u meta l-Ġenna titqarreb *(lejn it-tajbin)*,
14. *(dakinhar kull)* ruħ tagħraf dak *(it-tajjeb jew il-ħażin)* li ħejjiet.
15. Tabilħaqq naħlef fuq il-kwiekeb li jidhru billejl *(u jinħbew binhar)*,
16. il-ġerrejja li *(wara l-ġiri tagħhom fis-sema)* jinħbew,
17. u *(naħlef)* fuq il-lejl meta jersaq,
18. u fuq is-sebħ meta jdawwal,
19. li *(il-Qoran)* tabilħaqq huwa kliem ta' Mibgħut ta' ġieħ *(l-anġlu Gabrijel li wassal ir-Rivelazzjoni)*,
20. *(anġlu)* mogħni b'qawwa, imqiegħed fis-sod għand Dak tat-Tron *(Alla)*,
21. li huwa obdut hemmhekk *(fis-smewwiet, mill-anġli)*, u fidil.
22. Sħibkom *(Muħammad, ja nies Qurajx)* ma huwiex miġnun,
23. u *(Muħammad)* tassew rah *(lill-anġlu Gabrijel)* fix-xefaq ċar.
24. Ma huwiex xħih fil-mistur *(u jħabbar kulma jitniżżel lilu mis-sema)*,
25. u *(dan il-Qoran)* ma huwiex kliem xitan mishut.
26. Mela fejn sejrin *(bi ħsiebkom u kliemkom)*?
27. Dan ma huwiex għajr tifkira *(u twissija)* lill-ħolqien,
28. għal min minnkom irid jimxi dritt.
29. U ma tridux, ħlief jekk irid Alla Sid il-ħolqien.

نصف الحزب 59

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

إِذَا السَّمَاءُ انفَطَرَتْ ﴿1﴾ وَإِذَا الْكَوَاكِبُ انتَثَرَتْ ﴿2﴾ وَإِذَا الْبِحَارُ
فُجِّرَتْ ﴿3﴾ وَإِذَا الْقُبُورُ بُعْثِرَتْ ﴿4﴾ عَلِمَتْ نَفْسٌ مَّا قَدَّمَتْ
وَأَخَّرَتْ ﴿5﴾ يَا أَيُّهَا الْإِنسَانُ مَا غَرَّكَ بِرَبِّكَ الْكَرِيمِ ﴿6﴾ الَّذِي
خَلَقَكَ فَسَوَّاكَ فَعَدَلَكَ ﴿7﴾ فِي أَيِّ صُورَةٍ مَّا شَاءَ رَكَّبَكَ ﴿8﴾
كَلَّا بَلْ تُكَذِّبُونَ بِالدِّينِ ﴿9﴾ وَإِنَّ عَلَيْكُمْ لَحَافِظِينَ ﴿10﴾ كِرَامًا
كَاتِبِينَ ﴿11﴾ يَعْلَمُونَ مَا تَفْعَلُونَ ﴿12﴾ إِنَّ الْأَبْرَارَ لَفِي نَعِيمٍ ﴿13﴾ وَإِنَّ
الْفُجَّارَ لَفِي جَحِيمٍ ﴿14﴾ يَصْلَوْنَهَا يَوْمَ الدِّينِ ﴿15﴾ وَمَا هُمْ عَنْهَا بِغَائِبِينَ
﴿16﴾ وَمَا أَدْرَاكَ مَا يَوْمُ الدِّينِ ﴿17﴾ ثُمَّ مَا أَدْرَاكَ مَا يَوْمُ الدِّينِ
﴿18﴾ يَوْمَ لَا تَمْلِكُ نَفْسٌ لِّنَفْسٍ شَيْئًا ۖ وَالْأَمْرُ يَوْمَئِذٍ لِّلَّهِ ﴿19﴾

سُورَةُ المُطَفِّفِينَ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

وَيْلٌ لِّلْمُطَفِّفِينَ ﴿1﴾ الَّذِينَ إِذَا اكْتَالُوا عَلَى النَّاسِ يَسْتَوْفُونَ ﴿2﴾
وَإِذَا كَالُوهُمْ أَو وَّزَنُوهُمْ يُخْسِرُونَ ﴿3﴾ أَلَا يَظُنُّ أُولَٰئِكَ أَنَّهُم
مَّبْعُوثُونَ ﴿4﴾ لِيَوْمٍ عَظِيمٍ ﴿5﴾ يَوْمَ يَقُومُ النَّاسُ لِرَبِّ الْعَالَمِينَ ﴿6﴾

82. *Sūratu l-Infiṭār*

(Suret it-Tiċrit – Niżlet f'Mekka b'19-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Meta s-sema jiċċarrat,
2. u meta l-kwiekeb jixterdu,
3. u meta l-ibħra jkunu mġiegħla jithalltu u jogħlew,
4. u meta l-oqbra jinqalbu ta' taħt fuq,
5. *(dakinhar kull ruħ)* tagħraf dak li għamlet qabel u wara.
6. Ja bniedem, x'qarrqek dwar Sidek Kollu Ġieħ *(u ma tridx taf bih)*,
7. li ħalqek u għamlek sħiħ u bil-qjies,
8. u tak l-għamla li ried?
9. Le *(ma għandkomx skuża)*! Iżda intom tgiddbu Jum il-Ħaqq.
10. *(Tgiddbu Jum il-Ħaqq)* meta tassew hemm *(anġli)* għassiesa fuqkom *(li jiktbu kollox fil-ktieb ta' l-għemejjel tagħkom)*,
11. kittieba ta' ġieħ,
12. li jafu dak li tagħmlu.
13. Il-ġusti tabilħaqq jinsabu fil-hena,
14. u l-ħżiena tabilħaqq jinsabu fin-Nar iheġġeġ,
15. jinxtwew fih f'Jum il-Ħaqq,
16. u ma jgħibux minnu.
17. U x'inhu li jgħarrfek *(Muħammad)* x'inhu Jum il-Ħaqq?
18. Imbagħad *(għal darba oħra)* x'inhu li jgħarrfek *(Muħammad)* x'inhu Jum il-Ħaqq?
19. Fil-Jum meta ebda ruħ ma tista' tagħmel xejn għal ruħ oħra, u l-amar, dakinhar, ikun *(kollu kemm hu)* ta' Alla.

83. *Sūratu l-Muṭaffifīn*

(Suret Dawk li jqarrqu fl-Użin – Niżlet f'Mekka b'36 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Kastig qalil għal dawk li jqarrqu fl-użin,
2. dawk li meta jieħdu kejl mingħand in-nies, jeħduh sħiħ,
3. iżda meta huma jkejlu għalihom *(għan-nies)*, jew jiżnulhom *(arahom)* inaqqsu *(u ma jagħtux kejl jew użin tajjeb)*.
4. Mela dawk *(li jqarrqu fl-użin)* ma jaħsbux li huma tabilħaqq jitqajmu mill-mewt,
5. għal Jum kbir *(Jum il-Ħaqq)*,
6. fil-Jum meta n-nies tqum quddiem Sid il-ħolqien?

كَلَّآ إِنَّ كِتَٰبَ ٱلْفُجَّارِ لَفِى سِجِّينٍ ﴿7﴾ وَمَآ أَدْرَىٰكَ مَا سِجِّينٌ ﴿8﴾ كِتَٰبٌ
مَّرْقُومٌ ﴿9﴾ وَيْلٌ يَوْمَئِذٍ لِّلْمُكَذِّبِينَ ﴿10﴾ ٱلَّذِينَ يُكَذِّبُونَ بِيَوْمِ ٱلدِّينِ ﴿11﴾
وَمَا يُكَذِّبُ بِهِۦٓ إِلَّا كُلُّ مُعْتَدٍ أَثِيمٍ ﴿12﴾ إِذَا تُتْلَىٰ عَلَيْهِ ءَايَٰتُنَا قَالَ أَسَٰطِيرُ
ٱلْأَوَّلِينَ ﴿13﴾ كَلَّا ۖ بَلْ ۜ رَانَ عَلَىٰ قُلُوبِهِم مَّا كَانُوا۟ يَكْسِبُونَ ﴿14﴾ كَلَّآ إِنَّهُمْ
عَن رَّبِّهِمْ يَوْمَئِذٍ لَّمَحْجُوبُونَ ﴿15﴾ ثُمَّ إِنَّهُمْ لَصَالُوا۟ ٱلْجَحِيمِ ﴿16﴾ ثُمَّ يُقَالُ
هَٰذَا ٱلَّذِى كُنتُم بِهِۦ تُكَذِّبُونَ ﴿17﴾ كَلَّآ إِنَّ كِتَٰبَ ٱلْأَبْرَارِ لَفِى عِلِّيِّينَ
﴿18﴾ وَمَآ أَدْرَىٰكَ مَا عِلِّيُّونَ ﴿19﴾ كِتَٰبٌ مَّرْقُومٌ ﴿20﴾ يَشْهَدُهُ ٱلْمُقَرَّبُونَ
﴿21﴾ إِنَّ ٱلْأَبْرَارَ لَفِى نَعِيمٍ ﴿22﴾ عَلَى ٱلْأَرَآئِكِ يَنظُرُونَ ﴿23﴾ تَعْرِفُ فِى
وُجُوهِهِمْ نَضْرَةَ ٱلنَّعِيمِ ﴿24﴾ يُسْقَوْنَ مِن رَّحِيقٍ مَّخْتُومٍ ﴿25﴾
خِتَٰمُهُۥ مِسْكٌ ۚ وَفِى ذَٰلِكَ فَلْيَتَنَافَسِ ٱلْمُتَنَٰفِسُونَ ﴿26﴾ وَمِزَاجُهُۥ
مِن تَسْنِيمٍ ﴿27﴾ عَيْنًا يَشْرَبُ بِهَا ٱلْمُقَرَّبُونَ ﴿28﴾ إِنَّ ٱلَّذِينَ
أَجْرَمُوا۟ كَانُوا۟ مِنَ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ يَضْحَكُونَ ﴿29﴾ وَإِذَا مَرُّوا۟ بِهِمْ
يَتَغَامَزُونَ ﴿30﴾ وَإِذَا ٱنقَلَبُوٓا۟ إِلَىٰٓ أَهْلِهِمُ ٱنقَلَبُوا۟ فَكِهِينَ ﴿31﴾
وَإِذَا رَأَوْهُمْ قَالُوٓا۟ إِنَّ هَٰٓؤُلَآءِ لَضَآلُّونَ ﴿32﴾ وَمَآ أُرْسِلُوا۟ عَلَيْهِمْ
حَٰفِظِينَ ﴿33﴾ فَٱلْيَوْمَ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ مِنَ ٱلْكُفَّارِ يَضْحَكُونَ ﴿34﴾

سكتة لطيفة على اللا

7. Le *(ħażin qegħdin jaħsbu)*! Ktieb il-ħżiena jinsab tabilħaqq f'*Siġġīn*.
8. U x'inhu li jgħarrfek *(Muħammad)* x'inhu *Siġġīn*?
9. Huwa ktieb minqux *(bl-għemejjel kollha tal-ħżiena)*.
10. Kastig qalil dakinhar għal dawk li jgiddbu,
11. li jgiddbu Jum il-Ħaqq!
12. U ħadd ma jgiddbu, ħlief kull midneb ħati.
13. Meta jinqrawlu l-versi tagħna, jgħid: "Stejjer tal-qedem!"
14. Le *(mhux hekk, imma)* saddad fuq qlubhom dak *(il-ħażen)* li kienu jiksbu *(b'għemilhom)*.
15. Le *(mhux kif qegħdin jgħidu)*! Dakinhar huma tabilħaqq ma jitħallewx jaraw lil Sidhom.
16. Imbagħad huma tassew jinxtwew fin-Nar iheġġeġ!
17. Imbagħad jingħad: "Dan huwa *(il-kastig)* li kontu tgiddbu!"
18. Le *(mhux tassew li t-tajbin u l-ħżiena huma l-istess)*! Ktieb it-tajbin jinsab tabilħaqq f'*Għillijūn*.[70]
19. U x'inhu li jgħarrfek *(Muħammad)* x'inhu *Għillijūn*?
20. Ktieb minqux *(bl-għemejjel kollha tat-tajbin)*,
21. li jixhdu għalih dawk *(l-anġli)* li jitqarrbu *(lejn Alla)*.
22. Il-ġusti tabilħaqq jinsabu fil-hena,
23. iħarsu minn fuq id-divani *(lejn dak kollu li tħejja għalihom)*;
24. tagħraf f'uċuħhom id-dija ta' l-hena.
25. Huma jinsqew inbid safi, issiġillat,
26. is-siġill tiegħu il-misk. Ħalli lill-ħabrieka jikkompetu *(bejniethom)* għal dan *(l-hena fil-Ġenna)*!
27. Imħallat *(dak l-inbid safi)* ma' *(ilma mill-għajn msejħa)* Tasnīm,
28. għajn li minnha jixorbu dawk li jitqarrbu *(lejn Alla)*.
29. Tabilħaqq li dawk li għamlu l-ħażen kienu jidħku b'dawk li emmnu,
30. u meta kienu jgħaddu minn ħdejhom kienu jegħmżu lil xulxin,
31. u meta kienu jmorru lejn nieshom, *(arahom)* jerġgħu lura biż-żufjett.
32. Meta kienu jarawhom *(lil dawk li emmnu)*, kienu jgħidu: "Dawn tabilħaqq mitlufin!"
33. Iżda huma *(il-ħżiena)* ma ntbagħtux għassiesa fuqhom *(fuq it-tajbin)*.
34. U llum dawk li jemmnu jidħku b'dawk li ma jemmnux,

---

[70] *Għillijūn*: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

عَلَى ٱلْأَرَآئِكِ يَنظُرُونَ ﴿35﴾ هَلْ ثُوِّبَ ٱلْكُفَّارُ مَا كَانُوا۟ يَفْعَلُونَ ﴿36﴾

سُورَةُ الانشِقَاقِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

إِذَا ٱلسَّمَآءُ ٱنشَقَّتْ ﴿1﴾ وَأَذِنَتْ لِرَبِّهَا وَحُقَّتْ ﴿2﴾ وَإِذَا ٱلْأَرْضُ مُدَّتْ ﴿3﴾ وَأَلْقَتْ مَا فِيهَا وَتَخَلَّتْ ﴿4﴾ وَأَذِنَتْ لِرَبِّهَا وَحُقَّتْ ﴿5﴾ يَٰٓأَيُّهَا ٱلْإِنسَٰنُ إِنَّكَ كَادِحٌ إِلَىٰ رَبِّكَ كَدْحًا فَمُلَٰقِيهِ ﴿6﴾ فَأَمَّا مَنْ أُوتِىَ كِتَٰبَهُۥ بِيَمِينِهِۦ ﴿7﴾ فَسَوْفَ يُحَاسَبُ حِسَابًا يَسِيرًا ﴿8﴾ وَيَنقَلِبُ إِلَىٰٓ أَهْلِهِۦ مَسْرُورًا ﴿9﴾ وَأَمَّا مَنْ أُوتِىَ كِتَٰبَهُۥ وَرَآءَ ظَهْرِهِۦ ﴿10﴾ فَسَوْفَ يَدْعُوا۟ ثُبُورًا ﴿11﴾ وَيَصْلَىٰ سَعِيرًا ﴿12﴾ إِنَّهُۥ كَانَ فِىٓ أَهْلِهِۦ مَسْرُورًا ﴿13﴾ إِنَّهُۥ ظَنَّ أَن لَّن يَحُورَ ﴿14﴾ بَلَىٰٓ إِنَّ رَبَّهُۥ كَانَ بِهِۦ بَصِيرًا ﴿15﴾ فَلَآ أُقْسِمُ بِٱلشَّفَقِ ﴿16﴾ وَٱلَّيْلِ وَمَا وَسَقَ ﴿17﴾ وَٱلْقَمَرِ إِذَا ٱتَّسَقَ ﴿18﴾ لَتَرْكَبُنَّ طَبَقًا عَن طَبَقٍ ﴿19﴾ فَمَا لَهُمْ لَا يُؤْمِنُونَ ﴿20﴾ وَإِذَا قُرِئَ عَلَيْهِمُ ٱلْقُرْءَانُ لَا يَسْجُدُونَ ۩ ﴿21﴾ بَلِ ٱلَّذِينَ كَفَرُوا۟ يُكَذِّبُونَ ﴿22﴾ وَٱللَّهُ أَعْلَمُ بِمَا يُوعُونَ ﴿23﴾ فَبَشِّرْهُم بِعَذَابٍ أَلِيمٍ ﴿24﴾ إِلَّا ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَعَمِلُوا۟ ٱلصَّٰلِحَٰتِ لَهُمْ أَجْرٌ غَيْرُ مَمْنُونٍۭ ﴿25﴾

ثلاثة أرباع الحزب 59

سجدة

35. iħarsu minn fuq id-divani *(lejn il-ħżiena u jiddieħku bihom).*
36. Jaqaw dawk li ma jemmnux ma thallsux ta' dak li kienu jagħmlu?

84. *Sūratu l-Inxiqāq*

(Suret it-Tixqiq – Niżlet f'Mekka b'25 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Meta s-sema jixxaqqaq,
2. u jagħti widen lil Sidu *(u l-amar tiegħu)*, kif ikollu jagħmel,
3. u meta l-art titwessa',
4. u tarmi dak li fiha, u titbattal,
5. u tagħti widen lil Sidha *(u l-amar tiegħu)*, kif ikollha tagħmel, *(meta jseħħ dan kollu, il-bniedem se jħabbat wiċċu ma' waqtiet tal-biża').*
6. Ja bniedem, inti tassew thabrek *(f'ħajtek sa ma tasal)* lejn Sidek u tiltaqa' miegħu.
7. Min jinghata l-ktieb *(ta' l-għemejjel tiegħu)* f'idu l-leminija,
8. se jsir ħaqq ħafif minnu,
9. u jerġa' lura ferħan għand niesu *(fil-Ġenna).*
10. Iżda min jinghata l-ktieb *(ta' l-għemejjel tiegħu f'idu x-xellugija u)* minn wara dahru,
11. se jsejjaħ għall-qerda *(tiegħu nnifsu)*,
12. u jinxtewa f'Nar iheġġeġ.
13. Huwa kien ferħan fost niesu *(u ma ħasibx għall-Ħajja ta' dejjem).*
14. Huwa tabilħaqq ħaseb li ma huwiex se jerġa' lura *(għand Alla).*
15. Mela *(Sidu se jerġa' jqajmu, wara mewtu, għal Jum il-Ħaqq)*! Sidu tabilħaqq kien dejjem jarah.
16. Jiena tabilħaqq naħlef fuq il-ħmura fix-xefaq ma' nżul ix-xemx,
17. u fuq il-lejl, u *(fuq)* dak li *(il-lejl)* jiġbor lura *(għall-mistrieħ, sew bnedmin kif ukoll ħlejjaq oħra)*,
18. u fuq il-qamar meta jimla,
19. li tassew se tghaddu *(wara mewtkom, ja bnedmin)* minn qagħda għal oħra *(sa ma tieħdu ħlaskom).*
20. Mela x'għandhom *(il-ħżiena)* biex ma jemmnux,
21. u meta jinqralhom il-Qoran ma jinxteħtux fl-art *(bil-qima)*?
22. Iżda dawk li ma jemmnux igiddbu *(lill-Qoran u lill-Profeta)*!
23. Iżda Alla jaf aktar b'dak li qegħdin jaħbu *(fi qlubhom).*
24. Mela agħtihom il-bxara ta' kastig ta' wġigħ,
25. ħlief lil dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid. Huma jkollhom ħlas li ma jinqatax *(u li jibqa' għal dejjem).*

سُورَةُ البُرُوجِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

وَالسَّمَاءِ ذَاتِ الْبُرُوجِ ﴿1﴾ وَالْيَوْمِ الْمَوْعُودِ ﴿2﴾ وَشَاهِدٍ وَمَشْهُودٍ
﴿3﴾ قُتِلَ أَصْحَابُ الْأُخْدُودِ ﴿4﴾ النَّارِ ذَاتِ الْوَقُودِ ﴿5﴾ إِذْ هُمْ عَلَيْهَا
قُعُودٌ ﴿6﴾ وَهُمْ عَلَىٰ مَا يَفْعَلُونَ بِالْمُؤْمِنِينَ شُهُودٌ ﴿7﴾ وَمَا نَقَمُوا
مِنْهُمْ إِلَّا أَنْ يُؤْمِنُوا بِاللَّهِ الْعَزِيزِ الْحَمِيدِ ﴿8﴾ الَّذِي لَهُ مُلْكُ
السَّمَاوَاتِ وَالْأَرْضِ ۚ وَاللَّهُ عَلَىٰ كُلِّ شَيْءٍ شَهِيدٌ ﴿9﴾ إِنَّ الَّذِينَ
فَتَنُوا الْمُؤْمِنِينَ وَالْمُؤْمِنَاتِ ثُمَّ لَمْ يَتُوبُوا فَلَهُمْ عَذَابُ جَهَنَّمَ وَلَهُمْ
عَذَابُ الْحَرِيقِ ﴿10﴾ إِنَّ الَّذِينَ آمَنُوا وَعَمِلُوا الصَّالِحَاتِ لَهُمْ
جَنَّاتٌ تَجْرِي مِنْ تَحْتِهَا الْأَنْهَارُ ۚ ذَٰلِكَ الْفَوْزُ الْكَبِيرُ ﴿11﴾ إِنَّ بَطْشَ
رَبِّكَ لَشَدِيدٌ ﴿12﴾ إِنَّهُ هُوَ يُبْدِئُ وَيُعِيدُ ﴿13﴾ وَهُوَ الْغَفُورُ الْوَدُودُ ﴿14﴾
ذُو الْعَرْشِ الْمَجِيدُ ﴿15﴾ فَعَّالٌ لِمَا يُرِيدُ ﴿16﴾ هَلْ أَتَاكَ حَدِيثُ الْجُنُودِ
﴿17﴾ فِرْعَوْنَ وَثَمُودَ ﴿18﴾ بَلِ الَّذِينَ كَفَرُوا فِي تَكْذِيبٍ ﴿19﴾ وَاللَّهُ مِنْ
وَرَائِهِمْ مُحِيطٌ ﴿20﴾ بَلْ هُوَ قُرْآنٌ مَجِيدٌ ﴿21﴾ فِي لَوْحٍ مَحْفُوظٍ ﴿22﴾

سُورَةُ الطَّارِقِ

85. *Sūratu l-Burūġ*

(Suret il-Kostellazzjonijiet – Niżlet f'Mekka bi 22 vers)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Ħanin.

1. *(Naħilfu)* fuq is-sema, bil-kostellazzjonijiet *(tiegħu)*,
2. u fuq il-Jum imwiegħed *(tal-Qawmien mill-imwiet)*,
3. u fuq jum ix-xhud *(jum il-Ġimgħa)*, u fuq il-jum li jiġu għalih *(jum Għarafa)*,
4. li saħta jkollhom nies il-gandott,[71]
5. tan-nar bil-ħatab *(li kebbsu biex jaħarqu lil dawk li emmnu)*,
6. meta huma *(dawk ta' bla twemmin)* qagħdu madwaru,
7. u kienu xhieda ta' dak li kienu qegħdin jagħmlu lil dawk li emmnu.
8. Huma ma vvendikawx irwieħhom minnhom jekk mhux minħabba li *(dawk it-tajbin)* emmnu f'Alla l-Qawwi, li jistħoqq kull tifħir,
9. li tiegħu hi s-saltna tas-smewwiet u ta' l-art. U Alla għal kollox xhud.
10. Tabilħaqq li dawk li jġarrbu lill-irġiel u lin-nisa li jemmnu, imbagħad ma jihdmux, ikollhom il-kastig ta' l-Infern, u jkollhom il-kastig tan-Nar iħeġġeġ.
11. Tabilħaqq li dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid, ikollhom Ġonna bix-xmajjar jiġru taħthom. Dik hija r-rebħa l-kbira!
12. Tabilħaqq li l-qabda ta' Sidek *(meta jikkastiga)* hija qalila!
13. Huwa tabilħaqq li jibda *(il-ħolqien mix-xejn)* u jreġġa' *(il-bniedem, wara mewtu, għal Ħajja ġdida)*,
14. u Huwa Kollu Maħfra u Kollu Mħabba,
15. Sid it-Tron glorjuż,
16. li jagħmel dak li jrid.
17. Jaqaw waslitlek *(Muħammad)* l-aħbar dwar il-qawwiet,
18. dwar il-Fargħun u Tamūd *(u s-suldati tagħhom li kiddu bil-kbir lill-Mibgħutin ta' Alla)*?
19. Iżda dawk li ma jemmnux jibqgħu jgiddbu *(is-sewwa)*,
20. u Alla lilhom għandu taħt idejh.
21. Le *(mhux kif qalu l-ħżiena)*! Huwa tabilħaqq Qoran glorjuż,
22. *(merfugħ fis-sema)* f'Tavla mħarsa *(minn kull żjieda jew tnaqqis)*.

---

[71] Il-versi 4-8 jirreferu għal ġrajja meta sultan ma jemminx ħaraq f'gandott kbir lil uħud minn niesu li ħaddnu l-Islam.

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

وَالسَّمَاءِ وَالطَّارِقِ ﴿1﴾ وَمَا أَدْرَاكَ مَا الطَّارِقُ ﴿2﴾ النَّجْمُ الثَّاقِبُ ﴿3﴾ إِن كُلُّ
نَفْسٍ لَّمَّا عَلَيْهَا حَافِظٌ ﴿4﴾ فَلْيَنظُرِ الْإِنسَانُ مِمَّ خُلِقَ ﴿5﴾ خُلِقَ مِن مَّاءٍ
دَافِقٍ ﴿6﴾ يَخْرُجُ مِن بَيْنِ الصُّلْبِ وَالتَّرَائِبِ ﴿7﴾ إِنَّهُ عَلَىٰ رَجْعِهِ لَقَادِرٌ ﴿8﴾
يَوْمَ تُبْلَى السَّرَائِرُ ﴿9﴾ فَمَا لَهُ مِن قُوَّةٍ وَلَا نَاصِرٍ ﴿10﴾ وَالسَّمَاءِ ذَاتِ الرَّجْعِ ﴿11﴾
وَالْأَرْضِ ذَاتِ الصَّدْعِ ﴿12﴾ إِنَّهُ لَقَوْلٌ فَصْلٌ ﴿13﴾ وَمَا هُوَ بِالْهَزْلِ ﴿14﴾ إِنَّهُمْ
يَكِيدُونَ كَيْدًا ﴿15﴾ وَأَكِيدُ كَيْدًا ﴿16﴾ فَمَهِّلِ الْكَافِرِينَ أَمْهِلْهُمْ رُوَيْدًا ﴿17﴾

سُورَةُ الْأَعْلَىٰ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

سَبِّحِ اسْمَ رَبِّكَ الْأَعْلَى ﴿1﴾ الَّذِي خَلَقَ فَسَوَّىٰ ﴿2﴾ وَالَّذِي قَدَّرَ فَهَدَىٰ
﴿3﴾ وَالَّذِي أَخْرَجَ الْمَرْعَىٰ ﴿4﴾ فَجَعَلَهُ غُثَاءً أَحْوَىٰ ﴿5﴾ سَنُقْرِئُكَ
فَلَا تَنسَىٰ ﴿6﴾ إِلَّا مَا شَاءَ اللَّهُ إِنَّهُ يَعْلَمُ الْجَهْرَ وَمَا يَخْفَىٰ ﴿7﴾ وَنُيَسِّرُكَ
لِلْيُسْرَىٰ ﴿8﴾ فَذَكِّرْ إِن نَّفَعَتِ الذِّكْرَىٰ ﴿9﴾ سَيَذَّكَّرُ مَن يَخْشَىٰ ﴿10﴾
وَيَتَجَنَّبُهَا الْأَشْقَى ﴿11﴾ الَّذِي يَصْلَى النَّارَ الْكُبْرَىٰ ﴿12﴾ ثُمَّ لَا يَمُوتُ
فِيهَا وَلَا يَحْيَىٰ ﴿13﴾ قَدْ أَفْلَحَ مَن تَزَكَّىٰ ﴿14﴾ وَذَكَرَ اسْمَ رَبِّهِ فَصَلَّىٰ ﴿15﴾

الحزب 60

86. *Sūratu ṭ-Ṭāriq*

(Suret il-Kewkba li tinfed – Niżlet f'Mekka bi 17-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Ħanin.

1. *(Naħilfu)* fuq is-sema u fuq il-kewkba,
2. u x'inhu li jgħarrfek *(Muħammad)* x'inhi l-kewkba?
3. Hija l-kewkba li tinfed *(dalmet il-lejl bid-dija tagħha)*.
4. Tabilħaqq li ma hemmx ruħ li fuqha ma għandhiex *(anġlu)* għassies.
5. Mela ħalli jara l-bniedem minn xiex inħalaq!
6. Inħalaq minn ilma li jinxteħet bil-qawwa *(mir-raġel fil-mara)*,
7. li joħroġ minn bejn is-sinsla tad-dahar u l-kustilji.
8. Huwa *(Alla)* tassew għandu s-setgħa jreġġgħu lura *(għall-ħajja)*,
9. fil-Jum meta jinkixef il-mistur.
10. *(Dakinhar il-bniedem)* la jkollu qawwa u lanqas min jgħin*(u)*.
11. U *(naħilfu)* fuq is-sema bix-xita li tinżel u terġa' *(lejn l-art)*,
12. u *(naħilfu)* fuq l-art bix-xquq *(li minnhom jinbtu l-ħxejjex)*,
13. li *(il-Qoran)* huwa, tabilħaqq, kliem li jagħżel *(it-tajjeb mill-ħażin)*,
14. u ma huwiex taċ-ċajt!
15. Huma tabilħaqq jonsbu nasba *(għalik Muħammad)*,
16. u Jiena nonsob nasba *(għalihom)*!
17. Mela agħti ftit taż-żmien lil dawk bla twemmin! Agħtihom ftit tan-nifs *(imbagħad tara x'nagħmlilhom)*!

87. *Sūratu l-'Aghlā*

(Suret l-Ogħla Wieħed – Niżlet f'Mekka b'19-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Ħanin.

1. Sebbaħ *(Muħammad)* Isem Sidek, l-Ogħla Wieħed,
2. li ħalaq u għamel sħiħ *(il-ħolqien tiegħu)*,
3. u li fassal bil-qjies u wera t-triq,
4. li nibbet il-mergħa,
5. u *(wara li tħaddar)* għamilha qasbija sewda.
6. Se nġegħluk taqra biex ma tinsiex,
7. ħlief dak li jrid Alla. Huwa tabilħaqq jaf il-miksuf u dak li jinħeba.
8. U nħaffulek it-triq lejn *(il-liġi ta' Alla)* il-ħafifa.
9. Mela fakkar *(u wissi, Muħammad)*, jekk tiswa t-tifkira.
10. Se jiftakar *(it-twissija)* min jibża' *(minn Alla)*,
11. u jwarrabha l-miżerabbli
12. li jinxtewa fin-Nar il-kbir,
13. u la jmut fih u lanqas jgħix *(ħajja tajba)*.
14. Tassew ħareġ rebbieħ min issaffa
15. u jsemmi Isem Sidu u jitlob.

بَلْ تُؤْثِرُونَ الْحَيَوٰةَ الدُّنْيَا ﴿16﴾ وَالْآخِرَةُ خَيْرٌ وَأَبْقَىٰٓ ﴿17﴾ إِنَّ
هَٰذَا لَفِي الصُّحُفِ الْأُولَىٰ ﴿18﴾ صُحُفِ إِبْرَٰهِيمَ وَمُوسَىٰ ﴿19﴾

سُورَةُ الْغَاشِيَةِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

هَلْ أَتَىٰكَ حَدِيثُ الْغَاشِيَةِ ﴿1﴾ وُجُوهٌ يَوْمَئِذٍ خَاشِعَةٌ ﴿2﴾
عَامِلَةٌ نَّاصِبَةٌ ﴿3﴾ تَصْلَىٰ نَارًا حَامِيَةً ﴿4﴾ تُسْقَىٰ مِنْ عَيْنٍ ءَانِيَةٍ ﴿5﴾
لَّيْسَ لَهُمْ طَعَامٌ إِلَّا مِن ضَرِيعٍ ﴿6﴾ لَّا يُسْمِنُ وَلَا يُغْنِي مِن جُوعٍ ﴿7﴾
وُجُوهٌ يَوْمَئِذٍ نَّاعِمَةٌ ﴿8﴾ لِّسَعْيِهَا رَاضِيَةٌ ﴿9﴾ فِي جَنَّةٍ عَالِيَةٍ ﴿10﴾
لَّا تَسْمَعُ فِيهَا لَٰغِيَةً ﴿11﴾ فِيهَا عَيْنٌ جَارِيَةٌ ﴿12﴾ فِيهَا سُرُرٌ مَّرْفُوعَةٌ ﴿13﴾
وَأَكْوَابٌ مَّوْضُوعَةٌ ﴿14﴾ وَنَمَارِقُ مَصْفُوفَةٌ ﴿15﴾ وَزَرَابِيُّ مَبْثُوثَةٌ ﴿16﴾
أَفَلَا يَنظُرُونَ إِلَى الْإِبِلِ كَيْفَ خُلِقَتْ ﴿17﴾ وَإِلَى السَّمَآءِ كَيْفَ
رُفِعَتْ ﴿18﴾ وَإِلَى الْجِبَالِ كَيْفَ نُصِبَتْ ﴿19﴾ وَإِلَى الْأَرْضِ كَيْفَ
سُطِحَتْ ﴿20﴾ فَذَكِّرْ إِنَّمَآ أَنتَ مُذَكِّرٌ ﴿21﴾ لَّسْتَ عَلَيْهِم
بِمُصَيْطِرٍ ﴿22﴾ إِلَّا مَن تَوَلَّىٰ وَكَفَرَ ﴿23﴾ فَيُعَذِّبُهُ اللَّهُ الْعَذَابَ
الْأَكْبَرَ ﴿24﴾ إِنَّ إِلَيْنَآ إِيَابَهُمْ ﴿25﴾ ثُمَّ إِنَّ عَلَيْنَا حِسَابَهُم ﴿26﴾

16. Iżda intom tħobbu aktar il-ħajja *(f'din)* id-dinja,
17. iżda *(il-Ħajja)* l-Oħra aħjar u ddum aktar.
18. Tabilħaqq li dan *(li taqraw ħawn)* jinsab fil-Paġni tal-qedem,
19. fil-Paġni ta' Abraham u ta' Mosè.

88. *Sūratu l-Għāxija*

(Suret il-Ġrajja li tgħatti għal kollox
Niżlet f'Mekka b'26 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Jaqaw waslitlek *(Muħammad)* l-aħbar tal-ġrajja li tgħatti għal kollox *(il-bnedmin)*?
2. Dakinhar xi wċuħ jaqgħu fil-misħija,
3. imħabbtin bix-xogħol *(iebes fl-Infern)*, għajjenin.
4. Huma jinxtwew f'Nar imkebbes,
5. u jinsqew minn għajn tagħli.
6. Ma jkollhomx ikel għajr ix-xewk *(tax-xitla msejħa ḍarīgħ)*,
7. la jsemmen u lanqas jaqta' ġuħ.
8. Dakinhar xi wċuħ ikunu ħienja,
9. ferħanin bit-tħabrik tagħhom *(tul ħajjithom)*,
10. fi Ġnien għoli *(jithennew, fl-Għeden)*.
11. Fih ma tismax kliem fieragħ.
12. Fih għajn ta' ilma ġieri,
13. fih divani merfugħa fl-għoli,
14. u bwieqi mqiegħda *(u mħejjija għat-tajbin)*,
15. u mħaded ħdejn xulxin,
16. u twapet mifruxin.
17. Jaqaw ma jarawx kif inħalqu l-iġmla,
18. u s-sema kif intrefa' 'l fuq,
19. u l-iġbla kif intasbu *(f'posthom)*,
20. u l-art kif infirxet *(biex il-bniedem seta' jaħdimha)*?
21. Mela fakkar *(Muħammad)*. Int biss wieħed li jfakkar.
22. M'intix wieħed imqieghed fuqhom biex taħkimhom *(u tagħmilhom Misilmin)*.
23. Iżda min ma jagħtix kas u ma jemminx,
24. Alla jikkastigah bl-akbar kastig!
25. Lejna, tabilħaqq, il-wasla lura tagħhom;
26. imbagħad tabilħaqq f'idejna l-kont tagħhom!

سُورَةُ الفَجْرِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

وَالْفَجْرِ ﴿1﴾ وَلَيَالٍ عَشْرٍ ﴿2﴾ وَالشَّفْعِ وَالْوَتْرِ ﴿3﴾ وَاللَّيْلِ إِذَا يَسْرِ
﴿4﴾ هَلْ فِي ذَٰلِكَ قَسَمٌ لِّذِي حِجْرٍ ﴿5﴾ أَلَمْ تَرَ كَيْفَ فَعَلَ رَبُّكَ بِعَادٍ
﴿6﴾ إِرَمَ ذَاتِ الْعِمَادِ ﴿7﴾ الَّتِي لَمْ يُخْلَقْ مِثْلُهَا فِي الْبِلَادِ ﴿8﴾
وَثَمُودَ الَّذِينَ جَابُوا الصَّخْرَ بِالْوَادِ ﴿9﴾ وَفِرْعَوْنَ ذِي الْأَوْتَادِ ﴿10﴾
الَّذِينَ طَغَوْا فِي الْبِلَادِ ﴿11﴾ فَأَكْثَرُوا فِيهَا الْفَسَادَ ﴿12﴾ فَصَبَّ
عَلَيْهِمْ رَبُّكَ سَوْطَ عَذَابٍ ﴿13﴾ إِنَّ رَبَّكَ لَبِالْمِرْصَادِ ﴿14﴾ فَأَمَّا
الْإِنسَانُ إِذَا مَا ابْتَلَاهُ رَبُّهُ فَأَكْرَمَهُ وَنَعَّمَهُ فَيَقُولُ رَبِّي أَكْرَمَنِ
﴿15﴾ وَأَمَّا إِذَا مَا ابْتَلَاهُ فَقَدَرَ عَلَيْهِ رِزْقَهُ فَيَقُولُ رَبِّي أَهَانَنِ ﴿16﴾
كَلَّا بَل لَّا تُكْرِمُونَ الْيَتِيمَ ﴿17﴾ وَلَا تَحَاضُّونَ عَلَىٰ طَعَامِ
الْمِسْكِينِ ﴿18﴾ وَتَأْكُلُونَ التُّرَاثَ أَكْلًا لَّمًّا ﴿19﴾
وَتُحِبُّونَ الْمَالَ حُبًّا جَمًّا ﴿20﴾ كَلَّا إِذَا دُكَّتِ الْأَرْضُ دَكًّا
دَكًّا ﴿21﴾ وَجَاءَ رَبُّكَ وَالْمَلَكُ صَفًّا صَفًّا ﴿22﴾ وَجِيءَ يَوْمَئِذٍ
بِجَهَنَّمَ ۚ يَوْمَئِذٍ يَتَذَكَّرُ الْإِنسَانُ وَأَنَّىٰ لَهُ الذِّكْرَىٰ ﴿23﴾

89. *Sūratu l-Faġr*

(Suret Dawl is-Sebħ – Niżlet f'Mekka bi 30 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *(Naħilfu)* fuq is-sebħ,
2. u fuq l-*(ewwel)* għaxart iljieli *(ta' Dū l-Ħiġġa, xahar il-pellegrinaġġ)*,
3. u fuq iż-żewġ u l-fard,
4. u fuq il-lejl meta jgħaddi.
5. Jaqaw f'dan ma ħawnx ħalfa għal min għandu moħħ *(biex jifhem)*?
6. Mela ma rajtx *(Muħammad)* x'għamel Sidek ma' *(it-tribù ta')* Għād,
7. *(nies il-belt ta')* 'Iram bil-bini *(għoli)* fuq kolonni,
8. *(nies)* li ma nħalqux bħalhom fil-bliet *(u l-pajjiżi l-oħra)*?
9. U *(ma rajtx x'għamel Sidek)* ma' *(it-tribù ta')* Ṯamūd li qata' l-blat *(tal-muntanji)* fil-wied *(u għex fih)*,
10. u *(x'għamel)* mal-Fargħun, dak tal-qawwiet,
11. *(it-tribujiet ta' Għād u Ṯamūd, kif ukoll il-Fargħun u niesu)* li għamlu wisq ħażen fil-pajjiżi *(tagħhom)*,
12. u kattru fihom il-korruzzjoni?
13. Għalhekk Sidek *(Muħammad)* sawwab fuqhom għamliet ta' kastig.
14. Tabilħaqq Sidek dejjem għassa!
15. Il-bniedem, meta Sidu jġarrbu, u jagħtih ġieħ u ġid, jgħid: "Sidi tani ġieħ."
16. Imma meta jġarrbu, u jnaqqaslu l-ġid, jgħid: "Sidi ċekkinni."
17. Le *(mhux hekk. Il-ġieħ ma jitkejjilx bil-faqar u bl-għana, imma bl-ubbidjenza lejn Alla)*! Iżda intom *(b'dak il-ġid kollu li Alla takom)* ma tagħtux ġieħ lill-iltim,
18. u lanqas tħeġġu lil xulxin biex titimgħu lill-fqir,
19. *(anzi)* tieklu l-wirt *(ta' l-iltiema u tal-fqar)*, u tibilgħuh b'kilba kbira *(bla ma tħallulhom xejn)*.
20. Intom tħobbu l-ġid bi mħabba żejda!
21. Le *(dan mhux sew)*! Meta l-art titfarrak farka farka,
22. u jiġi Sidek u l-anġli *(miegħu)*, saff saff,
23. dakinhar jinġieb l-Infern *(biex jarawh il-ħżiena)*. Dakinhar il-bniedem jiftakar *(fl-għemejjel tiegħu)*.Iżda x'tiswielu t-tifkira?

يَقُولُ يَٰلَيْتَنِي قَدَّمْتُ لِحَيَاتِي ﴿24﴾ فَيَوْمَئِذٍ لَّا يُعَذِّبُ عَذَابَهُۥٓ أَحَدٌ ﴿25﴾
وَلَا يُوثِقُ وَثَاقَهُۥٓ أَحَدٌ ﴿26﴾ يَٰٓأَيَّتُهَا ٱلنَّفْسُ ٱلْمُطْمَئِنَّةُ ﴿27﴾ ٱرْجِعِىٓ
إِلَىٰ رَبِّكِ رَاضِيَةً مَّرْضِيَّةً ﴿28﴾ فَٱدْخُلِى فِى عِبَٰدِى ﴿29﴾ وَٱدْخُلِى جَنَّتِى ﴿30﴾

سُورَةُ الْبَلَدِ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

ربع الحزب 60

لَآ أُقْسِمُ بِهَٰذَا ٱلْبَلَدِ ﴿1﴾ وَأَنتَ حِلٌّۢ بِهَٰذَا ٱلْبَلَدِ ﴿2﴾ وَوَالِدٍ وَمَا وَلَدَ
﴿3﴾ لَقَدْ خَلَقْنَا ٱلْإِنسَٰنَ فِى كَبَدٍ ﴿4﴾ أَيَحْسَبُ أَن لَّن يَقْدِرَ عَلَيْهِ
أَحَدٌ ﴿5﴾ يَقُولُ أَهْلَكْتُ مَالًا لُّبَدًا ﴿6﴾ أَيَحْسَبُ أَن لَّمْ يَرَهُۥٓ أَحَدٌ
﴿7﴾ أَلَمْ نَجْعَل لَّهُۥ عَيْنَيْنِ ﴿8﴾ وَلِسَانًا وَشَفَتَيْنِ ﴿9﴾ وَهَدَيْنَٰهُ
ٱلنَّجْدَيْنِ ﴿10﴾ فَلَا ٱقْتَحَمَ ٱلْعَقَبَةَ ﴿11﴾ وَمَآ أَدْرَىٰكَ مَا ٱلْعَقَبَةُ ﴿12﴾
فَكُّ رَقَبَةٍ ﴿13﴾ أَوْ إِطْعَٰمٌ فِى يَوْمٍ ذِى مَسْغَبَةٍ ﴿14﴾ يَتِيمًا ذَا مَقْرَبَةٍ
﴿15﴾ أَوْ مِسْكِينًا ذَا مَتْرَبَةٍ ﴿16﴾ ثُمَّ كَانَ مِنَ ٱلَّذِينَ ءَامَنُوا۟ وَتَوَاصَوْا۟
بِٱلصَّبْرِ وَتَوَاصَوْا۟ بِٱلْمَرْحَمَةِ ﴿17﴾ أُو۟لَٰٓئِكَ أَصْحَٰبُ ٱلْمَيْمَنَةِ ﴿18﴾ وَٱلَّذِينَ
كَفَرُوا۟ بِـَٔايَٰتِنَا هُمْ أَصْحَٰبُ ٱلْمَشْـَٔمَةِ ﴿19﴾ عَلَيْهِمْ نَارٌ مُّؤْصَدَةٌۢ ﴿20﴾

سُورَةُ الشَّمْسِ

24. Huwa jgħid: "Mhux li ressaqt *(għemejjel tajba)* għal ħajti *(fl-eternità)*!"
25. Dakinhar ħadd ma jikkastiga bil-kastig li jagħti Huwa *(Alla)*,
26. u ħadd ma jorbot u jissikka bl-irbit tiegħu.
27. Ja ruħ mistrieħa u fis-sliem,
28. erġa' lura lejn Sidek, ħienja u thenni *(lilu)*!
29. Idħol fost il-qaddejja tiegħi,
30. u idħol fil-Ġenna tiegħi!

90. *Sūratu l-Balad*

(Suret il-Belt – Niżlet f'Mekka b'20 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Le! Jiena naħlef fuq din il-belt *(ta' Mekka)*!
2. Inti *(Muħammad)* tgħix f'din il-belt *(u tagħmlilha ġieħ)*.
3. U *(naħlef)* fuq wellied *(Adam)* u fuq dak li wiled.
4. *(Naħilfu)* li Aħna ħlaqna l-bniedem fit-taħbit *(u jibqa' jitħabat)*.
5. Jaqaw *(min ma jemminx)* jaħseb li ħadd ma jista' għalih?
6. Huwa jgħid: "Berbaqt ġid kbir *(kontra Muħammad u l-Islam)*."
7. Jaqaw jaħseb li ħadd ma rah?
8. Jaqaw ma għamilnilux għajnejn,
9. ilsien u xofftejn,
10. u ma wrejniehx iż-żewġ triqat *(dik tat-tajjeb u l-oħra tal-ħażin)*?
11. Aħjar għalih kieku tela' t-telgħa l-iebsa *(ta' l-għemejjel tajba)*.
12. U x'inhu li jgħarrfek *(Muħammad)* x'inhi t-telgħa l-iebsa?
13. *(Hija)* il-ħelsien ta' lsir,
14. jew l-għoti ta' ikel f'jum ta' ġuħ
15. lil iltim qarib,
16. jew fqir miksi bit-trab.
17. Imbagħad huwa jkun minn dawk li jemmnu, iwissu lil xulxin għas-sabar, u jwissu lil xulxin għall-ħniena.
18. Dawk huma nies il-lemin *(li jirtu l-Ġenna)*.
19. U dawk li jiċħdu s-sinjali huma nies ix-xellug *(li jirtu l-Infern)*;
20. fuqhom ikollhom Nar magħluq *(li ma jħalli xejn jgħaddi minnu)*.

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

وَالشَّمْسِ وَضُحَاهَا ﴿1﴾ وَالْقَمَرِ إِذَا تَلَاهَا ﴿2﴾ وَالنَّهَارِ إِذَا جَلَّاهَا ﴿3﴾
وَاللَّيْلِ إِذَا يَغْشَاهَا ﴿4﴾ وَالسَّمَاءِ وَمَا بَنَاهَا ﴿5﴾ وَالْأَرْضِ وَمَا طَحَاهَا
﴿6﴾ وَنَفْسٍ وَمَا سَوَّاهَا ﴿7﴾ فَأَلْهَمَهَا فُجُورَهَا وَتَقْوَاهَا ﴿8﴾ قَدْ
أَفْلَحَ مَن زَكَّاهَا ﴿9﴾ وَقَدْ خَابَ مَن دَسَّاهَا ﴿10﴾ كَذَّبَتْ ثَمُودُ
بِطَغْوَاهَا ﴿11﴾ إِذِ انبَعَثَ أَشْقَاهَا ﴿12﴾ فَقَالَ لَهُمْ رَسُولُ اللَّهِ
نَاقَةَ اللَّهِ وَسُقْيَاهَا ﴿13﴾ فَكَذَّبُوهُ فَعَقَرُوهَا فَدَمْدَمَ
عَلَيْهِمْ رَبُّهُم بِذَنبِهِمْ فَسَوَّاهَا ﴿14﴾ وَلَا يَخَافُ عُقْبَاهَا ﴿15﴾

سُورَةُ اللَّيْلِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

وَاللَّيْلِ إِذَا يَغْشَىٰ ﴿1﴾ وَالنَّهَارِ إِذَا تَجَلَّىٰ ﴿2﴾ وَمَا خَلَقَ الذَّكَرَ وَالْأُنثَىٰ ﴿3﴾
إِنَّ سَعْيَكُمْ لَشَتَّىٰ ﴿4﴾ فَأَمَّا مَنْ أَعْطَىٰ وَاتَّقَىٰ ﴿5﴾ وَصَدَّقَ بِالْحُسْنَىٰ ﴿6﴾
فَسَنُيَسِّرُهُ لِلْيُسْرَىٰ ﴿7﴾ وَأَمَّا مَن بَخِلَ وَاسْتَغْنَىٰ ﴿8﴾ وَكَذَّبَ بِالْحُسْنَىٰ
﴿9﴾ فَسَنُيَسِّرُهُ لِلْعُسْرَىٰ ﴿10﴾ وَمَا يُغْنِي عَنْهُ مَالُهُ إِذَا تَرَدَّىٰ ﴿11﴾ إِنَّ عَلَيْنَا
لَلْهُدَىٰ ﴿12﴾ وَإِنَّ لَنَا لَلْآخِرَةَ وَالْأُولَىٰ ﴿13﴾ فَأَنذَرْتُكُمْ نَارًا تَلَظَّىٰ ﴿14﴾

91. *Sūratu x-Xams*

(Suret ix-Xemx – Niżlet f'Mekka bi 15-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *(Naħilfu)* fuq ix-xemx u d-dawl jiddi tagħha,
2. u fuq il-qamar meta jiġi warajha,
3. u fuq in-nhar meta jikxifha *(lix-xemx)*,
4. u fuq il-lejl meta jgħattiha *(bid-dalma tiegħu)*,
5. u fuq is-sema u Min bnieh,
6. u fuq l-art u Min meddha,
7. u fuq ir-ruħ u Min għamilha shiħa,
8. u nebbaħha l-ħażin u t-tajjeb għaliha.
9. Tabilħaqq joħroġ rebbieħ min *(lir-ruħ)* isaffiha,
10. u jkun tellief min ibaxxiha *(bid-dnub)*.
11. *(Nies)* T̲āmūd giddbu *(is-sewwa)* fil-ħażen kbir tagħhom,
12. meta l-agħar fosthom telaq *(biex joqtol il-ġemla ta' Alla)*.
13. U l-Mibgħut ta' Alla *(Ṣāliħ)* qalilhom: "*(Ħarsu)* il-ġemla ta' Alla u *(ħudu ħsiebha u ħudu ħsieb)* ix-xorb tagħha!"
14. Iżda huma giddbuh u qatluha. Alla damdamhom u qeridhom ta' dnubhom, u lkoll ġabhom indaqs *(fil-kastig)*.
15. Huwa ma jibżax minn dak li ġġib magħha *(qerda bħal din)*.

92. *Sūratu l-Lajl*

(Suret il-Lejl – Niżlet f'Mekka b'21 vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *(Naħilfu)* fuq il-lejl meta jgħatti *(id-dawl bid-dalma tiegħu)*,
2. u fuq in-nhar meta jinkixef *(u jxerred id-dawl tiegħu)*,
3. u fuq Min ħalaq lir-raġel u lill-mara,
4. li t-tħabrik tagħkom huwa tabilħaqq ta' bosta għamliet.
5. Mela min jagħti *(minn ġidu)* u jibża' minn Alla,
6. u jemmen fl-aħjar *(ħlas fil-Ġenna)*,
7. se nħaffulu *(il-mixja)* lejn triq il-ġid *(kotran fil-Ġenna)*.
8. Iżda min jixxaħħaħ u jaħseb li ma għandux bżonn *(lil Alla)*,
9. u jgiddeb l-aħjar *(ħlas fil-Ġenna)*,
10. Aħna se nħaffulu *(il-mixja)* lejn it-triq l-iebsa.
11. Ma jiswilux ġidu meta jinqered *(fl-Infern)*.
12. Tabilħaqq f'idejna t-tmexxija t-tajba,
13. u tagħna, tabilħaqq, l-Aħħar *(Ħajja)* u l-ewwel.
14. Għalhekk wissejtkom dwar Nar iheġġeġ.

لَا يَصْلَىٰهَآ إِلَّا ٱلْأَشْقَى ﴿15﴾ ٱلَّذِى كَذَّبَ وَتَوَلَّىٰ ﴿16﴾ وَسَيُجَنَّبُهَا
ٱلْأَتْقَى ﴿17﴾ ٱلَّذِى يُؤْتِى مَالَهُۥ يَتَزَكَّىٰ ﴿18﴾ وَمَا لِأَحَدٍ عِندَهُۥ مِن
نِّعْمَةٍ تُجْزَىٰٓ ﴿19﴾ إِلَّا ٱبْتِغَآءَ وَجْهِ رَبِّهِ ٱلْأَعْلَىٰ ﴿20﴾ وَلَسَوْفَ يَرْضَىٰ ﴿21﴾

سُورَةُ الضُّحَىٰ

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

وَٱلضُّحَىٰ ﴿1﴾ وَٱلَّيْلِ إِذَا سَجَىٰ ﴿2﴾ مَا وَدَّعَكَ رَبُّكَ وَمَا قَلَىٰ ﴿3﴾
وَلَلْءَاخِرَةُ خَيْرٌ لَّكَ مِنَ ٱلْأُولَىٰ ﴿4﴾ وَلَسَوْفَ يُعْطِيكَ رَبُّكَ
فَتَرْضَىٰٓ ﴿5﴾ أَلَمْ يَجِدْكَ يَتِيمًا فَـَٔاوَىٰ ﴿6﴾ وَوَجَدَكَ ضَآلًّا
فَهَدَىٰ ﴿7﴾ وَوَجَدَكَ عَآئِلًا فَأَغْنَىٰ ﴿8﴾ فَأَمَّا ٱلْيَتِيمَ فَلَا تَقْهَرْ
﴿9﴾ وَأَمَّا ٱلسَّآئِلَ فَلَا تَنْهَرْ ﴿10﴾ وَأَمَّا بِنِعْمَةِ رَبِّكَ فَحَدِّثْ ﴿11﴾

سُورَةُ الشَّرح

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

أَلَمْ نَشْرَحْ لَكَ صَدْرَكَ ﴿1﴾ وَوَضَعْنَا عَنكَ وِزْرَكَ ﴿2﴾ ٱلَّذِىٓ
أَنقَضَ ظَهْرَكَ ﴿3﴾ وَرَفَعْنَا لَكَ ذِكْرَكَ ﴿4﴾ فَإِنَّ مَعَ ٱلْعُسْرِ يُسْرًا ﴿5﴾ إِنَّ
مَعَ ٱلْعُسْرِ يُسْرًا ﴿6﴾ فَإِذَا فَرَغْتَ فَٱنصَبْ ﴿7﴾ وَإِلَىٰ رَبِّكَ فَٱرْغَب ﴿8﴾

نصف الحزب 60

15. Ma jinxtewiex fih għajr l-agħar bniedem,
16. li giddeb *(is-sewwa)* u ma tax kas.
17. U se jitwarrab minnu l-aktar ġust,
18. li jagħti ġidu *(biex)* jissaffa,
19. u lejn ħadd ma kien obbligat ta' xi pjaċir li jistħoqq jitħallas,
20. ħlief li jixtieq Wiċċ Sidu, l-Ogħla.
21. Huwa tabilħaqq jithenna *(fil-Ġenna)*!

93. *Sūratu ḍ-Ḍuħā*

(Suret id-Dawl ta' l-Għodwa - Niżlet f'Mekka bi 11-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *(Naħilfu)* fuq id-dawl ta' l-għodwa,
2. u fuq il-lejl ħiemed u mudlam!
3. Ma telqekx Sidek *(Muħammad)*, u *(lilek)* ma bagħadx.
4. Tabilħaqq li l-Aħħar *(ħajja)* hija aħjar għalik mill-ewwel,
5. u Sidek tabilħaqq se jagħtik, u inti tithenna.
6. Jaqaw ma sabekx iltim u ta*(k)* kenn,
7. u sabek mitluf u wriek it-triq,
8. u sabek fil-ħtieġa u ta*(k)* il-ġid?
9. Mela lill-iltim la taħqarx,
10. u lit-tallab la ċċanfarx u la tkeċċix,
11. u l-grazzja ta' Sidek xandarha!

94. *Sūratu x-Xarħ*

(Suret it-Twessigħ – Niżlet f'Mekka bi 8 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Jaqaw ma wessajnilekx sidrek *(Muħammad, bit-twemmin u bit-tmexxija t-tajba)*,
2. u warrabna minnek it-toqol tiegħek *(meta ħfirnielek in-nuqqasijiet tiegħek)*
3. li taqqal dahrek,
4. u għollejnielek ġieħek?
5. Tabilħaqq li mas-saram jiġi l-faraġ;
6. tassew, mas-saram jiġi l-faraġ!
7. U meta ttemm *(it-tixrid tal-kelma)*, ħabrek *(fil-qima ta' Alla)*,
8. u għal Sidek ixxennaq.

سُورَةُ التِّينِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

وَالتِّينِ وَالزَّيْتُونِ ﴿1﴾ وَطُورِ سِينِينَ ﴿2﴾ وَهَٰذَا الْبَلَدِ الْأَمِينِ ﴿3﴾
لَقَدْ خَلَقْنَا الْإِنسَانَ فِي أَحْسَنِ تَقْوِيمٍ ﴿4﴾ ثُمَّ رَدَدْنَاهُ أَسْفَلَ سَافِلِينَ
﴿5﴾ إِلَّا الَّذِينَ آمَنُوا وَعَمِلُوا الصَّالِحَاتِ فَلَهُمْ أَجْرٌ غَيْرُ مَمْنُونٍ ﴿6﴾
فَمَا يُكَذِّبُكَ بَعْدُ بِالدِّينِ ﴿7﴾ أَلَيْسَ اللَّهُ بِأَحْكَمِ الْحَاكِمِينَ ﴿8﴾

سُورَةُ الْعَلَقِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

اقْرَأْ بِاسْمِ رَبِّكَ الَّذِي خَلَقَ ﴿1﴾ خَلَقَ الْإِنسَانَ مِنْ عَلَقٍ ﴿2﴾ اقْرَأْ وَرَبُّكَ
الْأَكْرَمُ ﴿3﴾ الَّذِي عَلَّمَ بِالْقَلَمِ ﴿4﴾ عَلَّمَ الْإِنسَانَ مَا لَمْ يَعْلَمْ ﴿5﴾ كَلَّا إِنَّ
الْإِنسَانَ لَيَطْغَىٰ ﴿6﴾ أَن رَّآهُ اسْتَغْنَىٰ ﴿7﴾ إِنَّ إِلَىٰ رَبِّكَ الرُّجْعَىٰ ﴿8﴾ أَرَأَيْتَ
الَّذِي يَنْهَىٰ ﴿9﴾ عَبْدًا إِذَا صَلَّىٰ ﴿10﴾ أَرَأَيْتَ إِن كَانَ عَلَى الْهُدَىٰ ﴿11﴾ أَوْ أَمَرَ
بِالتَّقْوَىٰ ﴿12﴾ أَرَأَيْتَ إِن كَذَّبَ وَتَوَلَّىٰ ﴿13﴾ أَلَمْ يَعْلَم بِأَنَّ اللَّهَ يَرَىٰ ﴿14﴾ كَلَّا لَئِن
لَّمْ يَنتَهِ لَنَسْفَعًا بِالنَّاصِيَةِ ﴿15﴾ نَاصِيَةٍ كَاذِبَةٍ خَاطِئَةٍ ﴿16﴾ فَلْيَدْعُ نَادِيَهُ
﴿17﴾ سَنَدْعُ الزَّبَانِيَةَ ﴿18﴾ كَلَّا لَا تُطِعْهُ وَاسْجُدْ وَاقْتَرِب ۩ ﴿19﴾

سجدة

95. *Sūratu t-Tīn*

(Suret it-Tin – Niżlet f'Mekka bi 8 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *(Naħilfu)* fuq it-tin u ż-żebbuġ,
2. u fuq il-muntanja Sinaj,
3. u fuq din il-belt *(ta' Mekka)* mħarsa,
4. li tabilħaqq ħlaqna lill-bniedem fl-aħjar għamla,
5. imbagħad *(meta jiċħadna)* inniżżluh fil-qiegħ,
6. ħlief lil dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid: dawn ikollhom ħlas li ma jinqatax *(u jibqa' għal dejjem)*.
7. Mela *(ja bniedem)*, xi jġiegħlek tgiddeb *(Jum)* il-Ħaqq wara *(li waslulek is-sinjali ta' Alla)*?
8. Jaqaw Alla ma huwiex l-Aktar Ġust fost l-imħallfin?

96. *Sūratu l-Għalaq*

(Suret id-Demm Magħqud – Niżlet f'Mekka b'19-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Aqra *(Muħammad)* f'Isem Sidek li ħalaq,
2. ħalaq lill-bniedem minn demm magħqud.
3. Aqra! Sidek huwa l-Aktar ta' ġieħ,
4. li għallem bil-pinna;
5. għallem lill-bniedem dak li ma jafx.
6. Tabilħaqq li l-bniedem iġib ruħu ħażin wisq,
7. għaliex jaħseb li stagħna *(u ma jeħtieġx lil Alla)*.
8. Tabilħaqq lejn Sidek il-wasla lura!
9. Rajt *(Muħammad)* lil dak *('Abū Ġahl)*[72] li ma jħallix
10. qaddej meta jitlob?
11. Rajt jekk kienx fit-triq it-tajba,
12. jew jordnax il-biża' ta' Alla?
13. Rajt *(Muħammad)* jekk giddibx *(il-Qoran)* u ta*(h)* dahru?
14. Mela ma jafx li Alla jara?
15. Le! Jekk mhux se jieqaf *(milli jfixkel lill-Misilmin)*, se naqbdu*(h)* mill-beżbuża,
16. beżbuża giddieba u ħatja *(u nixħtuh fin-Nar)*!
17. Imbagħad ħalli jsejjaħ lil sħabu *(għall-għajnuna)*!
18. Aħna nsejħu lill-anġli tal-kastig *(biex jixħtuh fin-Nar)*.
19. Le! Tismax minnu *(u la titlaqx it-talb)* iżda nxteħet fl-art u ersaq *(lejn Alla)*!

[72] 'Abū Ġahl: Ara t-Tagħrif Ġenerali.

سُورَةُ القَدْرِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

إِنَّا أَنزَلْنَاهُ فِي لَيْلَةِ الْقَدْرِ ﴿1﴾ وَمَا أَدْرَاكَ مَا لَيْلَةُ الْقَدْرِ ﴿2﴾
لَيْلَةُ الْقَدْرِ خَيْرٌ مِّنْ أَلْفِ شَهْرٍ ﴿3﴾ تَنَزَّلُ الْمَلَائِكَةُ وَالرُّوحُ
فِيهَا بِإِذْنِ رَبِّهِم مِّن كُلِّ أَمْرٍ ﴿4﴾ سَلَامٌ هِيَ حَتَّىٰ مَطْلَعِ الْفَجْرِ ﴿5﴾

سُورَةُ البَيِّنَةِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

لَمْ يَكُنِ الَّذِينَ كَفَرُوا مِنْ أَهْلِ الْكِتَابِ وَالْمُشْرِكِينَ مُنفَكِّينَ
حَتَّىٰ تَأْتِيَهُمُ الْبَيِّنَةُ ﴿1﴾ رَسُولٌ مِّنَ اللَّهِ يَتْلُو صُحُفًا مُّطَهَّرَةً ﴿2﴾
فِيهَا كُتُبٌ قَيِّمَةٌ ﴿3﴾ وَمَا تَفَرَّقَ الَّذِينَ أُوتُوا الْكِتَابَ إِلَّا مِن
بَعْدِ مَا جَاءَتْهُمُ الْبَيِّنَةُ ﴿4﴾ وَمَا أُمِرُوا إِلَّا لِيَعْبُدُوا اللَّهَ مُخْلِصِينَ
لَهُ الدِّينَ حُنَفَاءَ وَيُقِيمُوا الصَّلَاةَ وَيُؤْتُوا الزَّكَاةَ ۚ وَذَٰلِكَ دِينُ
الْقَيِّمَةِ ﴿5﴾ إِنَّ الَّذِينَ كَفَرُوا مِنْ أَهْلِ الْكِتَابِ وَالْمُشْرِكِينَ
فِي نَارِ جَهَنَّمَ خَالِدِينَ فِيهَا ۚ أُولَٰئِكَ هُمْ شَرُّ الْبَرِيَّةِ ﴿6﴾ إِنَّ
الَّذِينَ آمَنُوا وَعَمِلُوا الصَّالِحَاتِ أُولَٰئِكَ هُمْ خَيْرُ الْبَرِيَّةِ ﴿7﴾

97. *Sūratu l-Qadr*

(Suret id-Destin u l-Glorja – Niżlet f'Mekka b'5 versi)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Hanin.

1. Aħna tabilħaqq niżżilnieh *(il-Qoran imqaddes)* f'lejlet id-destin u l-glorja.
2. U x'inhu li jgħarrfek *(Muħammad)* x'inhi lejlet id-destin u l-glorja?
3. Lejlet id-destin aħjar minn elf xahar.
4. L-anġli u r-ruħ *(l-anġlu Gabrijel)* jinżlu fiha bil-permess ta' Sidhom, b'kull digriet.
5. Sliem hija *(din il-lejla)*, sa tlugħ is-sebħ.

98. *Sūratu l-Bajjina*

(Suret il-Prova – Niżlet f'Medina bi 8 versi)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Hanin.

1. Dawk li ma jemmnux *(fl-Islam)* minn Nies il-Ktieb *(il-Lhud u l-Insara)* u dawk li jxierku *(allat oħra ma' Alla)* ma jieqfux *(min-nuqqas ta' twemminhom)*, sa ma tiġihom il-prova ċara:
2. Mibgħut minn Alla *(Muħammad)*, jaqra Paġni msaffija,
3. li fihom digrieti sewwa *(u bla tagħwiġ)*.
4. U dawk li ngħataw il-Ktieb ma nfirdux ħlief wara li ġiethom il-prova ċ-ċara.
5. Huma ma tqabbdux għajr li jqimu lil Alla u joqogħdu biss għad-din tiegħu, bi twemmin safi, u jagħmlu t-talb u jagħtu l-karità. Dik hija r-reliġjon sewwa.
6. Tabilħaqq li dawk li ma jemmnux *(fil-Qoran u fil-Profeta)* minn Nies il-Ktieb u l-pagani se jkunu f'nar l-Infern għal dejjem. Dawk huma l-agħar ħlejjaq.
7. Tabilħaqq li dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid, dawk huma l-aħjar ħlejjaq.

جَزَآؤُهُمْ عِندَ رَبِّهِمْ جَنَّٰتُ عَدْنٍ تَجْرِي مِن تَحْتِهَا ٱلْأَنْهَٰرُ خَٰلِدِينَ
فِيهَآ أَبَدًا ۖ رَّضِيَ ٱللَّهُ عَنْهُمْ وَرَضُوا۟ عَنْهُ ۚ ذَٰلِكَ لِمَنْ خَشِيَ رَبَّهُۥ ﴿8﴾

سُورَةُ الزَّلْزَلَة

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

إِذَا زُلْزِلَتِ ٱلْأَرْضُ زِلْزَالَهَا ﴿1﴾ وَأَخْرَجَتِ ٱلْأَرْضُ أَثْقَالَهَا
﴿2﴾ وَقَالَ ٱلْإِنسَٰنُ مَا لَهَا ﴿3﴾ يَوْمَئِذٍ تُحَدِّثُ أَخْبَارَهَا ﴿4﴾
بِأَنَّ رَبَّكَ أَوْحَىٰ لَهَا ﴿5﴾ يَوْمَئِذٍ يَصْدُرُ ٱلنَّاسُ أَشْتَاتًا
لِّيُرَوْا۟ أَعْمَٰلَهُمْ ﴿6﴾ فَمَن يَعْمَلْ مِثْقَالَ ذَرَّةٍ خَيْرًا
يَرَهُۥ ﴿7﴾ وَمَن يَعْمَلْ مِثْقَالَ ذَرَّةٍ شَرًّا يَرَهُۥ ﴿8﴾

سُورَةُ العَادِيَات

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

وَٱلْعَٰدِيَٰتِ ضَبْحًا ﴿1﴾ فَٱلْمُورِيَٰتِ قَدْحًا ﴿2﴾ فَٱلْمُغِيرَٰتِ صُبْحًا
﴿3﴾ فَأَثَرْنَ بِهِۦ نَقْعًا ﴿4﴾ فَوَسَطْنَ بِهِۦ جَمْعًا ﴿5﴾ إِنَّ ٱلْإِنسَٰنَ
لِرَبِّهِۦ لَكَنُودٌ ﴿6﴾ وَإِنَّهُۥ عَلَىٰ ذَٰلِكَ لَشَهِيدٌ ﴿7﴾ وَإِنَّهُۥ لِحُبِّ
ٱلْخَيْرِ لَشَدِيدٌ ﴿8﴾ ۞ أَفَلَا يَعْلَمُ إِذَا بُعْثِرَ مَا فِي ٱلْقُبُورِ ﴿9﴾

ثلاثة أرباع الحزب 60

8. Ħlashom għand Sidhom: il-Ġonna ta' l-Għeden bix-xmajjar jiġru taħthom; fihom jgħammru għal dejjem. Huwa jithenna bihom, u huma jithennew bih. Dak *(il-ħlas)* għal min jibża' minn Sidu.

99. *Sūratu ż-Żilżila*

(Suret it-Theżżiża – Niżlet f'Medina bi 8 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Meta l-art titheżżeż bit-theżżiża *(qawwija)* tagħha,
2. u l-art tferra' t-toqol tagħha *(minn ġewwa fiha)*,
3. il-bniedem jgħid: "X'għandha?"
4. Dakinhar hija tħabbar l-aħbar tagħha,
5. għaliex Sidek nebbaħha.
6. Dakinhar in-nies joħorġu, imxerrdin, biex jintwerew *(lilhom)* l-għemejjel tagħhom *(u jieħdu l-ħlas mistħoqq)*.
7. U min jagħmel b'toqol ta' atomu ġid, jarah,
8. u min jagħmel b'toqol ta' atomu deni, jarah!

100. *Sūratu l-Għādijāt*

(Suret iż-Żwiemel Lebbieta – Niżlet f'Mekka bi 11-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. *(Naħilfu)* fuq iż-żwiemel lebbieta meta jilħġu,
2. u jtajru x-xrar *(fil-ġiri kbir tagħhom)*,
3. u jaħbtu *(għall-għadu)* mas-sebħ,
4. u jqanqlu bih *(bil-ġiri)* għabra kbira,
5. u bih jidħlu f'nofs ta' ġemgħa *(minn ta' l-għadu)*,
6. *(naħilfu)* li l-bniedem tabilħaqq ingrat lejn Sidu,
7. u huwa tabilħaqq xhud għal dan,
8. u huwa tabilħaqq qalil fl-imħabba tal-ġid *(materjali)*!
9. Mela ma jafx li meta jixxerred dak li hemm fl-oqbra,

وَحُصِّلَ مَا فِي الصُّدُورِ ﴿10﴾ إِنَّ رَبَّهُم بِهِمْ يَوْمَئِذٍ لَّخَبِيرٌ ﴿11﴾

سُورَةُ القَارِعَةِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

الْقَارِعَةُ ﴿1﴾ مَا الْقَارِعَةُ ﴿2﴾ وَمَا أَدْرَاكَ مَا الْقَارِعَةُ
﴿3﴾ يَوْمَ يَكُونُ النَّاسُ كَالْفَرَاشِ الْمَبْثُوثِ ﴿4﴾
وَتَكُونُ الْجِبَالُ كَالْعِهْنِ الْمَنفُوشِ ﴿5﴾ فَأَمَّا
مَن ثَقُلَتْ مَوَازِينُهُ ﴿6﴾ فَهُوَ فِي عِيشَةٍ رَّاضِيَةٍ
﴿7﴾ وَأَمَّا مَنْ خَفَّتْ مَوَازِينُهُ ﴿8﴾ فَأُمُّهُ هَاوِيَةٌ
﴿9﴾ وَمَا أَدْرَاكَ مَا هِيَهْ ﴿10﴾ نَارٌ حَامِيَةٌ ﴿11﴾

سُورَةُ التَّكَاثُرِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

أَلْهَاكُمُ التَّكَاثُرُ ﴿1﴾ حَتَّىٰ زُرْتُمُ الْمَقَابِرَ ﴿2﴾ كَلَّا سَوْفَ
تَعْلَمُونَ ﴿3﴾ ثُمَّ كَلَّا سَوْفَ تَعْلَمُونَ ﴿4﴾ كَلَّا لَوْ تَعْلَمُونَ
عِلْمَ الْيَقِينِ ﴿5﴾ لَتَرَوُنَّ الْجَحِيمَ ﴿6﴾ ثُمَّ لَتَرَوُنَّهَا
عَيْنَ الْيَقِينِ ﴿7﴾ ثُمَّ لَتُسْأَلُنَّ يَوْمَئِذٍ عَنِ النَّعِيمِ ﴿8﴾

10. u jsir magħruf dak li hemm fil-qlub,
11. dakinhar Sidhom tabilħaqq ikun jaf sew bihom?

101. *Sūratu l-Qārigħa*

(Suret l-Għawġ il-Kbir – Niżlet f'Mekka bi 11-il vers)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. L-għawġ il-kbir,
2. x'inhu l-għawġ il-kbir?
3. U x'inhu li jgħarrfek *(Muħammad)* x'inhu l-għawġ il-kbir?
4. Fil-Jum meta n-nies ikunu bħal friefet imferrxin,
5. u l-iġbla jkunu bħas-suf il-minfux.
6. Mela min il-miżien tiegħu jitqal *(bl-għemejjel it-tajba)*,
7. ikun f'għajxien hieni,
8. iżda min il-miżien tiegħu jiħfief *(għaliex mingħajr għemejjel tajba)*,
9. l-għamara tiegħu tkun ħofra bla qiegħ.
10. U x'inhu li jgħarrfek *(Muħammad)* x'inhi *(din il-ħofra bla qiegħ)*?
11. Nar imkebbes!

102. *Sūratu t-Takāṯur*

(Suret il-Pika fit-Tkattir tal-Ġid – Niżlet f'Mekka bi 8 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Il-pika *(ta' bejnietkom)* fit-tkattir tal-ġid *(materjali)* iżżommkom medhijin,
2. sa ma żżuru l-oqbra.
3. Le *(mhux sew. Ħażin qed tagħmlu)*! Se tkunu tafu!
4. Għal darba oħra: Le! *(Dalwaqt)* se tkunu tafu!
5. Le *(mhux kif qegħdin taħsbu)*! Kieku kontu tafu fiċ-ċert *(ma kontux toqogħdu tedhew b'dak li ma huwiex siewi u tittraskuraw il-qima ta' Alla)*.
6. *(Naħilfu)* li tabilħaqq taraw Nar iħeġġeġ!
7. Imbagħad tabilħaqq tarawh biċ-ċertezza nnifisha.
8. Imbagħad dakinhar tabilħaqq tkunu mistoqsijin dwar l-hena *(li kontu fih meta kontu fid-dinja)*.

سُورَةُ العَصۡرِ

بِسۡمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحۡمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

وَٱلۡعَصۡرِ ﴿1﴾ إِنَّ ٱلۡإِنسَٰنَ لَفِي خُسۡرٍ ﴿2﴾ إِلَّا ٱلَّذِينَ ءَامَنُواْ
وَعَمِلُواْ ٱلصَّٰلِحَٰتِ وَتَوَاصَوۡاْ بِٱلۡحَقِّ وَتَوَاصَوۡاْ بِٱلصَّبۡرِ ﴿3﴾

سُورَةُ الهُمَزَةِ

بِسۡمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحۡمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

وَيۡلٞ لِّكُلِّ هُمَزَةٖ لُّمَزَةٍ ﴿1﴾ ٱلَّذِي جَمَعَ مَالٗا وَعَدَّدَهُۥ ﴿2﴾
يَحۡسَبُ أَنَّ مَالَهُۥٓ أَخۡلَدَهُۥ ﴿3﴾ كَلَّاۖ لَيُنۢبَذَنَّ فِي ٱلۡحُطَمَةِ ﴿4﴾
وَمَآ أَدۡرَىٰكَ مَا ٱلۡحُطَمَةُ ﴿5﴾ نَارُ ٱللَّهِ ٱلۡمُوقَدَةُ ﴿6﴾ ٱلَّتِي تَطَّلِعُ
عَلَى ٱلۡأَفۡـِٔدَةِ ﴿7﴾ إِنَّهَا عَلَيۡهِم مُّؤۡصَدَةٞ ﴿8﴾ فِي عَمَدٖ مُّمَدَّدَةِۭ ﴿9﴾

سُورَةُ الفِيلِ

بِسۡمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحۡمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

أَلَمۡ تَرَ كَيۡفَ فَعَلَ رَبُّكَ بِأَصۡحَٰبِ ٱلۡفِيلِ ﴿1﴾ أَلَمۡ يَجۡعَلۡ كَيۡدَهُمۡ
فِي تَضۡلِيلٖ ﴿2﴾ وَأَرۡسَلَ عَلَيۡهِمۡ طَيۡرًا أَبَابِيلَ ﴿3﴾ تَرۡمِيهِم
بِحِجَارَةٖ مِّن سِجِّيلٖ ﴿4﴾ فَجَعَلَهُمۡ كَعَصۡفٖ مَّأۡكُولِۭ ﴿5﴾

103. *Sūratu l-Għaṣr*

(Suret iż-Żmien – Niżlet f'Mekka bi 3 versi)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Hanin.

1. *(Naħilfu)* fuq iż-żmien,
2. li l-bniedem tabilħaqq jinsab f'telfien,
3. ħlief dawk li jemmnu u jagħmlu l-ġid, u jwissu lil xulxin għas-sewwa, u jwissu lil xulxin għas-sabar!

104. *Sūratu l-Humaża*

(Suret Dak li jħobb iqasqas – Niżlet f'Mekka b'9 versi)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Hanin.

1. Kastig kbir għal kulmin iħobb iqasqas u jaqla' fuq ħaddieħor,
2. *(u għal)* dak li jiġma' l-ġid *(materjali)* u jgħoddu *(iżda ma jonfqux fil-karità)*.
3. Ħuwa jaħseb li ġidu se jżommu ħaj għal dejjem.
4. Le *(mhux hekk)*! Tabilħaqq se jintefa' fin-Nar qerried.
5. U x'inhu li jgħarrfek *(Muħammad)* x'inhu n-Nar qerried?
6. Nar Alla, imkebbes,
7. li jasal *(bil-ħruq tiegħu)* sal-qlub.
8. Huwa tabilħaqq jagħlaq fuqhom *(u ma jħalli xejn jgħaddi minnu)* –
9. *(nirien)* f'kolonni twal.

105. *Sūratu l-Fīl*

(Suret l-Iljunfant – Niżlet f'Mekka b'5 versi)

F'Isem Alla, Kollu Hniena, il-Hanin.

1. Mela ma rajtx *(Muħammad)* x'għamel Sidek ma' nies l-iljunfant *(li rħewlha lejn Mekka biex jaħbtu għaliha)*?
2. Mela ma ġabx fix-xejn in-nasba tagħhom,
3. u bagħat fuqhom tajr fi qtajja' kbar,
4. iwaddbulhom ġebel ta' fuħħar iebes,
5. u *(Sidek)* għamilhom bħal tiben mikul?

سُورَةُ قُرَيْشٍ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

لِإِيلَٰفِ قُرَيْشٍ ﴿1﴾ إِۦلَٰفِهِمْ رِحْلَةَ الشِّتَآءِ وَالصَّيْفِ
﴿2﴾ فَلْيَعْبُدُوا۟ رَبَّ هَٰذَا الْبَيْتِ ﴿3﴾ الَّذِىٓ أَطْعَمَهُم
مِّن جُوعٍ وَءَامَنَهُم مِّنْ خَوْفٍۢ ﴿4﴾

سُورَةُ الْمَاعُونِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

أَرَءَيْتَ الَّذِى يُكَذِّبُ بِالدِّينِ ﴿1﴾ فَذَٰلِكَ الَّذِى
يَدُعُّ الْيَتِيمَ ﴿2﴾ وَلَا يَحُضُّ عَلَىٰ طَعَامِ الْمِسْكِينِ ﴿3﴾
فَوَيْلٌ لِّلْمُصَلِّينَ ﴿4﴾ الَّذِينَ هُمْ عَن صَلَاتِهِمْ سَاهُونَ
﴿5﴾ الَّذِينَ هُمْ يُرَآءُونَ ﴿6﴾ وَيَمْنَعُونَ الْمَاعُونَ ﴿7﴾

سُورَةُ الْكَوْثَرِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

إِنَّآ أَعْطَيْنَٰكَ الْكَوْثَرَ ﴿1﴾ فَصَلِّ لِرَبِّكَ وَانْحَرْ ﴿2﴾
إِنَّ شَانِئَكَ هُوَ الْأَبْتَرُ ﴿3﴾

106. *Sūratu Qurajx*

(Suret Qurajx – Niżlet f'Mekka b'4 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Talli *(nies it-tribù ta')* Qurajx draw,
2. draw is-safra tax-xitwa u tas-sajf *(u matulha ma jiltaqgħux ma' għawġ)*,
3. ħalli jqimu lil Sid din id-dar *(il-Kagħba)*,
4. li temagħhom *(u ħelishom)* mill-ġuħ, u mill-biża' harishom!

107. *Sūratu l-Māgħūn*

(Suret il-Karità – Niżlet f'Mekka b'7 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Rajt *(Muħammad)* lil dak li jgiddeb il-Ġudizzju?
2. Huwa dak li jaħqar lill-iltim,
3. u ma jħeġġiġx *(lill-oħrajn)* biex jitimgħu l-fqir.
4. Mela kastig kbir għal dawk *(ta' wiċċ b'ieħor)* li *(taparsi)* jitolbu,
5. illi ma jagħtux kas tat-talb tagħhom;
6. dawk li jħobbu jidhru *(u jagħmlu kollox għal għajnejn innies)*,
7. u jiċħdu l-karità.

108. *Sūratu l-Kawṯar*

(Suret ix-Xmara 'al-Kawṯar – Niżlet f'Mekka bi 3 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Aħna tajniek *(Muħammad ix-xmara fil-Ġenna msejħa)* 'al-Kawṯar.
2. Mela itlob lil Sidek u offrilu sagrifiċċju!
3. Tabilħaqq li dak *(al-Għāṣ ibn Wā'il)* li jobogħdok huwa l-maqtugħ *(mill-ħniena ta' Alla)*.

سُورَةُ الكَافِرُونَ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

قُلْ يَا أَيُّهَا الْكَافِرُونَ ﴿1﴾ لَا أَعْبُدُ مَا تَعْبُدُونَ ﴿2﴾
وَلَا أَنتُمْ عَابِدُونَ مَا أَعْبُدُ ﴿3﴾ وَلَا أَنَا عَابِدٌ مَّا عَبَدتُّمْ ﴿4﴾
وَلَا أَنتُمْ عَابِدُونَ مَا أَعْبُدُ ﴿5﴾ لَكُمْ دِينُكُمْ وَلِيَ دِينِ ﴿6﴾

سُورَةُ النَّصْرِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

إِذَا جَاءَ نَصْرُ اللَّهِ وَالْفَتْحُ ﴿1﴾ وَرَأَيْتَ النَّاسَ
يَدْخُلُونَ فِي دِينِ اللَّهِ أَفْوَاجًا ﴿2﴾ فَسَبِّحْ بِحَمْدِ رَبِّكَ
وَاسْتَغْفِرْهُ ۚ إِنَّهُ كَانَ تَوَّابًا ﴿3﴾

سُورَةُ المَسَدِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

تَبَّتْ يَدَا أَبِي لَهَبٍ وَتَبَّ ﴿1﴾ مَا أَغْنَىٰ عَنْهُ مَالُهُ وَمَا
كَسَبَ ﴿2﴾ سَيَصْلَىٰ نَارًا ذَاتَ لَهَبٍ ﴿3﴾ وَامْرَأَتُهُ
حَمَّالَةَ الْحَطَبِ ﴿4﴾ فِي جِيدِهَا حَبْلٌ مِّن مَّسَدٍ ﴿5﴾

109. *Sūratu l-Kāfirūn*

(Suret Dawk li ma jemmnux – Niżlet f'Mekka b'6 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Għid *(Muħammad lill-pagani)*: "Intom li ma temmnux,
2. *(kunu afu li)* jiena ma nqimx dak li tqimu,
3. u lanqas intom ma tqimu dak li nqim.
4. La nqim dak li tqimu,
5. u lanqas ma tqimu dak li nqim.
6. Intom għandkom id-din tagħkom, u jiena għandi d-din tiegħi."

110. *Sūratu n-Naṣr*

(Suret l-Għajnuna – Niżlet f'Medina bi 3 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Meta tiġi l-għajnuna ta' Alla u r-rebħa,
2. u tara *(Muħammad)* in-nies ġgajtiet deħlin fid-din ta' Alla,
3. mela fahhar is-sebħ ta' Sidek u itolbu maħfra. Tassew li Huwa jdur, Kollu Maħfra.

111. *Sūratu l-Masad ('al-Lahab)*

(Suret il-Ħabel Mibrum tal-Palm, *magħrufa wkoll bħala* L-Ilsien tan-Nar) – Niżlet f'Mekka b'5 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Ħalli jinqerdu idejn 'Abū Lahab! Huwa nqered.
2. Ma swilux ġidu u dak li kiseb.
3. Se jinxtewa f'Nar bl-ilsna jħeġġu.
4. U martu li ġġorr il-ħatab[73]
5. f'għonqha *(għandha)* ħabel mibrum mill-weraq tal-palm.

[73] Il-fraži "iġġorr il-ħatab" tista' tkun ukoll allużjoni għad-drawwa mishuta li kellha din il-mara li kull fejn tmur kienet ixxerred il-gideb u l-għawi fuq kulhadd, u b'hekk tkebbes in-nar tal-mibegħda u t-tilwim fost niesha.

سُورَةُ الإِخْلَاصِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

قُلْ هُوَ اللَّهُ أَحَدٌ ﴿1﴾ اللَّهُ الصَّمَدُ ﴿2﴾ لَمْ يَلِدْ
وَلَمْ يُولَدْ ﴿3﴾ وَلَمْ يَكُن لَّهُ كُفُوًا أَحَدٌ ﴿4﴾

سُورَةُ الفَلَقِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

قُلْ أَعُوذُ بِرَبِّ الْفَلَقِ ﴿1﴾ مِن شَرِّ مَا خَلَقَ ﴿2﴾ وَمِن
شَرِّ غَاسِقٍ إِذَا وَقَبَ ﴿3﴾ وَمِن شَرِّ النَّفَّاثَاتِ فِي
الْعُقَدِ ﴿4﴾ وَمِن شَرِّ حَاسِدٍ إِذَا حَسَدَ ﴿5﴾

سُورَةُ النَّاسِ

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

قُلْ أَعُوذُ بِرَبِّ النَّاسِ ﴿1﴾ مَلِكِ النَّاسِ ﴿2﴾ إِلَٰهِ
النَّاسِ ﴿3﴾ مِن شَرِّ الْوَسْوَاسِ الْخَنَّاسِ ﴿4﴾ الَّذِي
يُوَسْوِسُ فِي صُدُورِ النَّاسِ ﴿5﴾
مِنَ الْجِنَّةِ وَالنَّاسِ ﴿6﴾

112. *Sūratu l-'Iḫlāṣ*

(Suret it-Twemmin Safi – Niżlet f'Mekka b'4 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Għid *(Muħammad)*: Huwa Alla wieħed,
2. Alla li lejh kulħadd idur fil-ħtieġa,
3. la jiled u lanqas jitwieled,
4. u bħalu ma għandu lil ħadd!

113. *Sūratu l-Falaq*

(Suret is-Sebħ – Niżlet f'Mekka b'5 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Għid *(Muħammad)*: Nistkenn f'Sid is-sebħ,
2. mill-ħażen ta' dak li ħalaq,
3. mill-ħażen ta' dlam il-lejl meta jinfirex,
4. mill-ħażen ta' dawk *(is-sħaħar)* li jonfħu fl-għoqod,[74]
5. u mill-ħażen ta' l-għajjur meta jgħir.

114. *Sūratu n-Nās*

(Suret in-Nies – Niżlet f'Mekka b'6 versi)

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin.

1. Għid *(Muħammad)*: Nistkenn f'Sid in-nies,
2. Sultan in-nies,
3. Alla tan-nies,
4. mill-ħażen tal-fesfies li *(wara li jfesfes)* dlonk jinħeba,
5. li jfesfes fi qlub in-nies,
6. *(tfesfis ġej)* mill-*ġinn* u min-nies *(qarrieqa)*.

[74] Fil-peniżola Għarbija pagana ta' qabel l-Islam is-seħer kien komuni ħafna. Għamla partikulari ta' seħer kienet issir minn nisa sħaħar li kienu jonfħu fuq għoqod fi ħbula.

Tagħrif Ġenerali dwar l-Islam:
Twemmin, Ġrajjiet u Persunaġġi.

Il-kelmiet stampati b'ittri grassi jirreferu lill-qarrej għal aktar tagħrif dwar dawk it-temi f'din l-istess taqsima ta' tagħrif ġenerali. In-numru qabel iż-żewġ punti (:) jindika n-numru tas-sura, u n-numru wara ż-żewġ punti jindika l-vers. Eż. 2:255 – it-tieni sura (Suret il-Baqra), vers 255.

ʿAbū Ġahl (أبو جَهْل): Ismu proprja kien ʿAmr ibn Hixām. Dan kien wieħed mill-eqqel oppożituri tal-Profeta Muhammad (s.f.) u ta' l-Islam f'Mekka. Huwa kien persuna prominenti hafna fit-tribù ta' Qurajx, li kien l-istess tribù tal-Profeta (s.f.). Huwa mhux biss ma ħaddanx l-Islam, iżda saħansitra wera qilla kbira kontra l-Misilmin. Huwa ppersegwita, ittortura u qatel għadd ta' Misilmin. Dawn laqqmuh ʿAbū Ġahl, laqam li jfisser "missier l-injuranza". Huwa kien ifittex kull okkażjoni biex joffendi u jkasbar lil Profeta Muhammad (s.f.), u kien jgħid li jekk jarah jitlob, kien se jaqtagħlu għonqu. ʿAbū Ġahl inqatel fit-taqbida ta' **Badr**. (Aqra 2:212).

ʿĀja (آية): Il-Qoran imqaddes huwa maqsum minn mija u erbatax-il ***sura***, jiġifieri "kapitlu". Kull sura hija magħmula minn għadd ta' versi, jew *ʾājāt*. B'kollox fil-Qoran insibu sitt elef, mitejn u sitta u tletin *ʾāja*. Il-kelma *ʾāja* tista' tfisser ukoll "miraklu" li jagħmel xi Mibgħut jew Profeta ta' Alla, kif ukoll "sinjal" ta' Alla minn fost is-sinjali li wieħed isib fil-ħolqien.

Allāh (الله): L-Isem bl-ilsien Għarbi ta' Alla l-Imbierek. F'*Sūratu l-ʾIḫlāṣ* (n. 112) naqraw hekk: "Għid (*Muħammad*): Huwa Alla wieħed, Alla li lejh kulħadd idur fil-ħtieġa, la jiled u lanqas jitwieled, u bħalu ma għandu lil ħadd!"

Badr (بَدْر): Fis-sena 624 w.K., madwar tliet mitt suldat Mislem tqabad għall-ewwel darba kontra elf suldat Mekki, f'post imsejjaħ Badr. Minkejja li kienu anqas fil-għadd, il-Misilmin ħarġu rebbieħin u qabdu madwar sebgħin priġunier. Il-Profeta (s.f.) u sħabu qatgħuha li jitolbu kumpens fi flus biex jeħilsu lill-priġunieri. Min ma setax iħallas, kellu jgħallem għaxart itfal Misilmin. F'dan il-vers Alla jħabbar lill-Profeta (s.f.) li kellu joqtol lil dawk l-ilsiera maqbuda fil-bidu tat-taqbid. Dan kellu jbeżża' lill-għedewwa tal-Misilmin, iwaqqaf il-ġlied, u b'hekk isalvaw ħafna ħajjiet. Wara Badr kien hemm aktar taqtigħat bejn il-Misilmin u l-pagani.

Basmala (بَسْمَلَة): Kelma mqassra li tiġbor l-erba' kelmiet tal-versett bl-Għarbi: *b'ismi llāhi r-raħmāni r-raħīm* u li jfissru "*(Jiena naqra)* f'Isem Alla Kollu Ħniena, il-Ħanin". Fl-oriġinal bl-Għarbi nsibu żewġ kelmiet mill-istess għerq RĦM li jagħti s-sens ġenerali ta' "ħniena". L-ewwel kelma, *raħmān*, hija aġġettiv li jfisser "Dak ta' l-ogħla u l-akbar ħniena", attribut li jixraq lil Alla l-Imbierek biss. U għaliex huwa Kollu Maħfra, ħadd fil-ħolqien ma jista' jkun daqshekk ħanin. Min-naħa l-oħra l-kelma *raħīm*, "ħanin", tista' tapplika wkoll għan-nies komuni. Kien għalhekk li dawn iż-żewġ kelmiet inqalbu għall-Malti b'żewġ aġġettivi li johorġu mill-istess għerq ĦNN ta' l-ilsien Malti, jiġifieri "Kollu Ħniena" u "Ħanin" rispettivament. L-ittra "Ħ" kbira turi li dak l-aġġettiv qiegħed jirreferi għal Alla l-Imbierek. L-attributi *raħmān* u *raħīm* ("Kollu Ħniena" u "Ħanin" rispettivament) huma tnejn mill-isbaħ disgħa u

disgħin Isem ta' Alla l-Imbierek (ara **Ismijiet, l-Isbaħ**). Meta wieħed isemmi Isem Alla l-Imbierek, ikun qed jitlob għall-għajnuna tiegħu f'kull ħaġa li jagħmel. Il-*basmala* tinsab fil-bidu ta' kull sura fil-Qorān, minbarra fid-disa' waħda (*Sūratu t-Tawba*). Jixraq li l-Mislem jgħid il-*basmala* fil-bidu ta' kull xogħol biex Alla jberiklu l-ħidma tiegħu u jgħinu fiha.

Buḫārī, Ħadīṯu l- (حديث البُخاري): Ara *Ṣaḥīḥu l-Buḫārī*.

Divorzju (*ṭalāq* – طَلاق): L-Islam iħares lejn iż-żwieġ bejn ir-raġel u l-mara bħala shubija mibnija fuq ir-rispett u l-fiduċja reċiproka, fid-dawl tat-tagħlim li ġej mis-sema u li jinsab fil-Qoran imqaddes, kif ukoll fid-dawl tat-tradizzjoni tal-Profeta (s.f.). F'din is-shubija wieħed isib jeddijiet u dmirijiet għar-raġel, u jeddijiet u dmirijiet għall-mara, u t-tnejn li huma jikkumplimentaw lil xulxin f'dawn il-jeddijiet u d-dmirijiet. Meta r-raġel u l-mara jkunu t-tnejn li huma Misilmin, u konvinti mit-twemmin tagħhom u jgħixu fuqu, ma għandux ikun hemm problemi, u ż-żwieġ tagħhom jirnexxi. Iżda xi kultant bejn il-koppja jqumu problemi li jistgħu jkunu ta' xejra 1. familjari (indħil mill-familjari), 2. reliġjuża (xi ħadd mill-koppja ma huwiex Mislem tajjeb għaliex ma jżommx quddiem għajnejh lil Alla l-Imbierek f'kulma jagħmel), u 3. morali (swat u offiżi), kif ukoll problemi oħra bħax-xorb ta' l-alkoħol, il-logħob ta' l-azzard, id-drogi, eċċ. Dan kollu jwassal biex il-koppja ma tkunx tista' tgħix aktar flimkien, u quddiemha ma jkunx hemm għajr soluzzjoni waħda: id-divorzju. Qabel ma tiddeċiedi li tinfired il-koppja għandha tagħmel minn kollox biex iżżomm ir-rabta taż-żwieġ.

L-Islam jesiġi li biex iseħħ id-divorzju jrid ikun hemm raġunijiet konvinċenti quddiem Alla l-Imbierek u quddiem il-bnedmin – quddiem Alla, sabiex id-divorzju ma jsirx b'inġustizzja, u quddiem il-bnedmin, għaliex ħafna drabi ġieħ il-mara jmur minn taħt bid-divorzju. Mhux l-ewwel darba li mara divorzjata tispiċċa mwarrba min-nies ta' madwarha u ħadd ma jersaq lejha biex joffrilha li terġa' tiżżewweġ. Ħafna drabi jqumu bosta dubji u mistoqsijiet dwar il-kawża li wasslet biex ir-raġel ta' dik il-mara spiċċa biex telaqha, u dan kollu jagħmlilha ħafna ħsara.

Fl-Islam id-divorzju jibqa' għażla morra u iebsa, u hija ħaġa mistkerrha ħafna. Kien għalhekk li l-Profeta Muħammad (s.f.) qal: "L-aktar ħaġa li Alla l-Imbierek jobgħod, fost dak li huwa permess għalikom li tagħmlu, huwa d-divorzju." L-Islam ġie sabiex jillimita d-divorzju. Wieħed ma jridx jinsa li għal mijiet ta' snin, qabel id-dehra ta' l-Islam fis-seba' seklu w.K., ir-raġel seta' jitlaq lil martu għal mitt darba, u seta' jeħodha lura meta u kif ried. Uħud inqdew b'din il-prattika inġusta biex iweġġgħu u jżebilħu lin-nisa tagħhom. Kien għalhekk li Alla l-Imbierek, fil-Qoran imqaddes, illimita d-divorzju u ppermetta biss tlieta:

1. l-ewwel żewġ divorzji msejħa *ṭalāq raġgħī*,
2. it-tielet, u l-aħħar, divorzju msejjaħ: *ṭalāq bā'in*.

Id-divorzju *raġgħī* (طَلاق رَجْعي): F'dan it-tip ta' divorzju r-raġel ikun jista' jieħu lura lil martu, jew hi tkun tista' tmur lura għandu qabel jgħaddu tliet xhur mid-divorzju tagħhom. Ħafna drabi l-qraba u l-ħbieb ikollhom sehem siewi fir-rikonċiljazzjoni tal-koppja. Dan japplika għall-ewwel żewġ divorzji.

Id-divorzju *bā'in* (طلاق بائن): Dan huwa d-divorzju definittiv. Wara dan it-tielet divorzju r-raġel ma jistax jerġa' jingħaqad ma' martu qabel ma din tiżżewweġ raġel ieħor u dan jitlaqha. Dan irid isir minghajr ftehim bejniethom minn qabel. Qabel jerġgħu jiżżewġu jkun tajjeb li r-raġel u l-mara jqisu sewwa l-aspetti pożittivi u negattivi fil-karattru ta' xulxin.

L-Islam ġie wkoll biex jeħles lill-mara u jqawwiha u jagħtiha l-jedd li titlob id-divorzju hija wkoll (imsejjaħ *ṭalāqu l-muḫālagħa*). Hija ma kellhiex dan il-jedd fiż-żminijiet koroh tal-paganiżmu, qabel id-dehra ta' l-Islam. Dan id-divorzju huwa meħtieġ ħafna fil-każijiet meta r-raġel ikun mogħti għall-vizzji, bħax-xorb ta' l-alkoħol, il-logħob ta' l-azzard, id-droga, eċċ.

Alla l-Imbierek ippermetta d-divorzju għaliex huwa ta' l-anqas deni għall-bnedmin, u huwa ta' fejda għalihom u għas-soċjetà. Bis-saħħa tad-divorzju l-bniedem ikun jista' jibni ħajtu mill-ġdid, minghajr il-ħtieġa li jagħtiha għaż-żina u jgħix barra ż-żwieġ ma' sieħba barranija, minghajr ebda jeddijiet. L-ulied li jitwieldu fiż-żwieġ huma dejjem leġittimi u l-jeddijiet tagħhom huma mħarsa mil-liġi. Dawn l-ulied ikunu jistgħu jitrabbew u jikbru f'ambjent familjari mżejjen b'valuri morali aċċettabbli għal Alla l-Imbierek u għall-bnedmin.

Firdaws (فِرْدَوس): L-oghla mkien fil-Ġenna, fejn jgħammru l-Profeti, il-Mibgħutin u l-aktar nies tajba u ġusti.

Ġālūt (جالوت): L-isem bl-ilsien Għarbi ta' Gulija.

Ġibrīl (جِبْرِيل): L-isem bl-ilsien Għarbi ta' l-anġlu Gabrijel li wassal lill-Profeta Muhammad (s.f.) ir-Rivelazzjoni divina, il-Qoran imqaddes.

Ġihād (الجِهاد): Għeruq din il-kelma jagħtu t-tifsira ta' "thabrik, sforz". Għalhekk *ġihād* huwa kull għamla ta' thabrik maħsub biex itejjeb il-qagħda tal-bniedem, sew spiritwalment kif ukoll fiżikament. Dan l-isforz jista' jkun kull azzjoni li wieħed jieħu biex jaqta' xi vizzju, jew jista' jieħu x-xejra ta' studju, bżulija fix-xogħol, eċċ. Fl-oghla għamla tiegħu l-*ġihād* jikkonsisti fi sforz kollettiv, anki b'mezzi militari, biex jitħarsu l-interessi tal-komunità Misilma (*'Umma*) f'każ ta' aggressjoni kontriha.

Ġinn (الجِنّ): Dawn huma spirti inviżibbli li jgħammru fid-dinja. Isimhom ġej mill-kelma *ġinn* li tfisser "moħbi". Alla ħalaq il-*ġinn* minn nar bla duħħan u, bħall-bnedmin, huma ħielsa fl-għażliet li jagħmlu rigward it-twemmin u l-għemejjel. Il-*ġinn* għandhom is-setgħa jagħmlu t-tajjeb u l-ħażin, u għalhekk hemm *ġinn* Misilmin u oħrajn li ma humiex, *ġinn* tajbin u *ġinn* ħżiena. Il-*ġinn* il-ħżiena jistgħu jindaħlu fil-ħajjiet tal-bnedmin u jfixkluhom mhux ftit. Hemm bosta għamliet ta' *ġinn*, fosthom l-għafrit li huwa għamla ta' *ġinn* magħruf għall-qilla tiegħu, u l-*għūl* li jtellef it-triq lill-vjaġġaturi. Il-*ġinn* ukoll għad isir ħaqq minnhom fl-Aħħar Jum.

Ġizja (الجِزْية): Din kienet taxxa mħallsa minn ċittadini mhux Misilmin li kienu jgħixu fi stat Mislem fil-Medju Evu u anki aktar tard. Din it-taxxa kienet kumpens li ċ-ċittadin mhux Mislem kien iħallas talli ma jagħmilx is-servizz militari bħalma jagħmlu ċ-ċittadini Misilmin. Il-*ġizja* kienet tkun imposta biss fuq l-irġiel li jilħqu l-età tal-lieva. It-tfal, in-nisa, ix-xjuħ u l-patrijiet ma kinux iħallsuha. Jekk ċittadin mhux

Mislem jaċċetta li jmur għal-lieva, huwa ma kienx iħallas il-*ġizja*. Min-naħa l-oħra l-Mislem iħallas iż-*żakāt* u jmur għal-lieva li għalih kienet obbligatorja.

Għarafa, Jum: Ara **Għarafāt**.

Għarafāt (عَرَفات): Dan huwa wieħed mill-imkejjen madwar il-belt ta' Mekka li l-pellegrin iżur bħala parti mir-rit tal-***ħaġġ***, jiġifieri tal-pellegrinaġġ. Għarafāt jinsab madwar 25 kilometru fil-lvant ta' Mekka. Fil-fatt il-qofol tal-*ħaġġ* jintlaħaq fid-9 tax-xahar *ḏū l-Ħiġġa* meta l-pellegrini jieqfu f'dan l-imkien min-nofsinhar sa nżul ix-xemx. Eluf kbar ta' pellegrini jgħaddu dan il-jum fit-talb. Huma juru l-indiema tagħhom lil Alla u jitolbuh il-maħfra. F'dan il-jum, imsejjaħ ukoll Jum Għarafa, Alla l-Imbierek jagħti ħafna aktar maħfra lill-Misilmin minn jiem oħra tas-sena. Misilmin oħrajn ma' l-erbà' rkejjen tad-dinja jgħaddu dan il-jum fis-sawm u t-talb. Kien minn Għarafāt li l-Profeta Muħammad (s.f.) għamel l-aħħar priedka tiegħu lill-Misilmin qabel miet, fis-sena 632 w.K. (Aqra 2:197–198).

Għillijūn (عِلِّيُون): Isem l-oġħla nħawi fis-smewwiet fejn jinżamm il-ktieb bl-għemejjel tajba ta' kull bniedem. Il-kelma *Għillijūn* tista' tirreferi għal dan il-ktieb stess. (Aqra 83:18-19).

Għīsā (عِيسَى): L-isem bl-ilsien Għarbi ta' Ġesù (s.f.), bin il-verġni Marija u Profeta ta' Alla. Huwa għadda ħajtu fil-Palestina jxandar il-Kelma ta' Alla (*l-Islam*) u t-twemmin f'Alla Wieħed. Alla l-Imbierek ħekk ħabbu li ħelsu mill-għedewwa tiegħu li riedu jsallbuh, u tellgħu fis-sema.

Għumra (العُمْرَة): Dan huwa l-pellegrinaġġ iż-żgħir lejn **Mekka**, fejn tinsab il-***Kagħba***. Dan il-pellegrinaġġ jista' jsir f'kull żmien tas-sena. Min-naħa l-oħra l-pellegrinaġġ il-kbir, imsejjaħ ***ħaġġ***, isir biss fi żmien stipulat tas-sena Misilma. Sew waqt l-*għumra* u sew waqt il-*ħaġġ*, il-pellegrini jagħmlu l-'***iħrām***. Ir-ritwal ewlieni waqt l-*għumra* jikkonsisti fid-dawrien (*ṭawāf*) għal seba' darbiet madwar il-*Kagħba*, fis-***sagħj***, jiġifieri l-mixi b'ċerta ħeffa għal seba' darbiet bejn iż-żewġ għoljiet ta' **Ṣafā** u **Marwā** (li jinsabu qrib il-*Kagħba*), u t-tqassir jew it-tqaxxir ta' xagħar ir-ras tal-pellegrin raġel.

Għużajr (عُزَيْر): L-isem bl-ilsien Għarbi tal-Profeta Eżdra (s.f.).

Hārūn (هارون): L-isem bl-ilsien Għarbi ta' Aron, ħu Mosè (s.f.).

Hiġra (الهِجْرَة): L-ewwel snin tax-xandir ta' l-Islam fost in-nies ta' **Mekka** ma tawx wisq frott għaliex il-Mekkin ma ridux jagħtu widen għall-kelma ta' Alla. Mhux biss webbsu rashom, talli kienu jagħmlu minn kollox biex ifixklu l-ħidma tal-Profeta Muħammad (s.f.). It-tfixkil maż-żmien ħa l-forma ta' persekuzzjoni sħiħa kontra l-**Misilmin**. Dan wassal biex fis-sena 622 w.K. il-Profeta (s.f.) kellu jemigra minn art twelidu biex isib kenn f'art barranija – fil-belt ta' Jaṯrib li aktar tard il-Misilmin bdew isejħula **Medina**. Din il-ġrajja tal-*Hiġra* ("emigrazzjoni") tat bidu għall-**kalendarju** Mislem li jimxi maċ-ċiklu tal-qamar.

Ḥadīṯ (الحَدِيث): Din il-kelma tfisser "taħdit, qawl; aħbar" u fl-Islam tirreferi għal dak li l-Profeta Muħammad (s.f.) qal u għamel matul il-missjoni profetika tiegħu. Għal uħud mill-istudjużi Misilmin il-*ḥadīṯ* jiġbor fih ukoll dak li sħab Muħammad (s.f.)

irrappurtaw li l-Profeta qal u għamel. Tip partikulari ta' *ħadīṯ* huwa dak imsejjaħ *qudsī*. Dan huwa "qawl" ta' Alla l-Imbierek irrappurtat mill-Profeta Muħammad (s.f.) innifsu. Il-kontenut tal-*ħadīṯ qudsī* huwa rivelazzjoni minn Alla fi kliem il-Profeta (s.f.), iżda ma jagħmilx parti mill-Qorān.

Ħaġġ (الحَجّ): Il-pellegrinaġġ lejn Mekka fix-xahar ta' *dū l-Ħiġġa*, l-aħħar xahar fil-kalendarju lunari tal-Misilmin. Il-*ħaġġ* huwa wieħed mill-ħames pilastri li fuqhom jieqaf l-Islam, u l-Misilmin huma obbligati jagħmluh għallinqas darba f'ħajjithom, jekk ikunu jistgħu fiżikament u finanzjarjament. Ħafna mill-fażijiet tal-*ħaġġ* ifakkru lill-pellegrini f'dak li għadda minnu Abraham (s.f.), martu Hāġar u binhom Ismaghel (s.f.). Barra minn Mekka l-pellegrini jżuru nħawi oħra tal-madwar. Matul il-*ħaġġ* jitħarsu għadd ta' regolamenti marbuta mal-pellegrinaġġ u jintlibes l-*'iħrām*. Dan kollu jagħmel il-*ħaġġ mabrūr*, jiġifieri milqugħ minn Alla. Hemm tliet għamliet ta' *ħaġġ*: 1. *ħaġġu t-tamattugħ*, jiġifieri ***għumra*** li warajha jsir il-*ħaġġ*, iżda bejniethom il-pellegrin jinżaʼ l-*'iħrām*, 2. *ħaġġu l-qirān*, jiġifieri *għumra* u *ħaġġ* wara xulxin minghajr ma jitneħħa l-*'iħrām*, u 3. *ħaġġu l-'ifrād*, jiġifieri *ħaġġ* minghajr *għumra*. (Aqra 2:158; 197).

Ḫiḍr, 'al- (الخِضْر): Fil-Qoran (18:60-82) naqraw li Mosè (s.f.) kien ivvjaġġa ma' persuna li ma tissemmiex b'isimha. Il-***Ħadīṯu ṣ-Ṣaħīħ*** isejjaħlu 'al-Ḫiḍr. 'Al-Ḫaḍir huwa varjanti ta' l-istess isem. Ħafna drabi din il-persuna tissejjaħ *ar-raġul aṣ-ṣāliħ* (الرَجُل الصالِح) "ir-raġel il-ġust".

Hurūf 'al-Muqaṭṭagħa, 'al-: Ara **Ittri mqattgħa, l-**.

'Iblīs (إبْلِيس): Dan huwa isem ix-Xitan (*xajṭān* – شَيْطان) u jfisser "dak li qata' jiesu għal kollox, l-iddisprat". Iblīs kien ħadha kontra l-amar ta' Alla l-Imbierek u ma riedx jinxteħet quddiem Adam (s.f.) biex jagħtih ġieh. Kien minħabba din is-suppervja li 'Iblīs tkeċċa mill-Ġenna. Minn dakinhar huwa sar għadu kbir tal-bniedem u kien talab lil Alla biex, għal xi żmien, ihallih iġarrab u jfixkel kemm jiflaħ lill-umanità. Alla l-Imbierek ħallieh jagħmel dan. 'Iblīs ma huwiex qawwa astratta tal-ħażen, iżda għandu personalità speċifika.

'Ibrāhīm (إبْراهِيم): L-isem bl-ilsien Għarbi ta' Abraham (s.f.).

'Igħġāż (إعْجاز): Il-kunċett li jishaq fuq l-impossibbiltà li l-Qoran imqaddes ikun imitat mill-bniedem, sew f'dak li huwa lsien, kif ukoll fil-kontenut.

'Iħrām (إحْرام): Sew waqt l-***għumra*** u sew waqt il-***ħaġġ*** il-pellegrini jeħtieġ ikunu fi stat imsejjaħ *'iħrām*. Dan ifisser li l-pellegrin jeħtieġlu jħares xi restrizzjonijiet, bħal ngħidu aħna: la jaqta' xagħru u lanqas iqaxxar il-leħja, ma jużax fwieħa, ma jkollux x'jaqsam ma' martu, ma jmurx għall-kaċċa u ma jxerridx demm. Barra minn hekk, il-pellegrin jilbes ilbies abjad, imsejjaħ ukoll *'iħrām*. Dan l-ilbies huwa sempliċi għall-aħħar u jikkonsisti f'biċċtejn drapp: *ridā'*, li jgħatti mill-qadd 'il fuq, u *'iżār*, li jgħatti mill-qadd 'l isfel. Dan id-drapp ma jkollu la ħjata u lanqas keffa. L-*'iħrām* ifakkar lill-pellegrin li l-bnedmin kollha huma ndaqs quddiem Alla l-Imbierek. L-*'iħrām* huwa wkoll simbolu tas-sempliċità u tas-safa. Meta jkun fi stat ta' *'iħrām* il-pellegrin jistqarr it-*talbija*, jiġifieri: *Labbajka Allahumma labbajk. Labbajka la xarīka laka labbajk. 'Inna l-ħamda wa n-nigħmata laka wa-l-mulk. La xarīka lak.* ("Hawn jiena biex

naqdik, O Alla, hawn jiena biex naqdik! Hawn jiena biex naqdik; ma ghandekx xrik. Hawn jiena biex naqdik! Tabilhaqq li t-tifhir u l-barka huma ghalik, u tieghek hija s-setgha. Ma ghandek ebda xrik.")

'Isħāq (إسْحاق): L-isem bl-ilsien Gharbi ta' Iżakk (s.f.).

Islam (*'al-'Islām* – الإسلام): Isem ir-religjon tal-Misilmin. Il-kelma tiġbor fiha aktar minn tifsira waħda, fosthom "sliem", "ubbidjenza", u "sottomissjoni" għar-rieda ta' Alla l-Imbierek. L-Islam huwa l-istess twemmin safi ta' Abraham (s.f.) li minnu ħarġu l-Ġudaiżmu u l-Kristjaneżmu. L-islam huwa għal kulħadd, hu x'inhu l-isfond kulturali tiegħu. L-Islam huwa msejjes fuq ħames pilastri: 1. ix-*xahāda* (الشّهادة), jiġifieri l-istqarrija li tgħid: Nixhed (u nistqarr) li ma hemmx alla ħlief Alla, u nixhed (u nistqarr) li Muhammad huwa l-Mibgħut ta' Alla, 2. is-*ṣalāt* (الصّلاة), jiġifieri t-talb ħames darbiet kuljum, 3. iż-*żakāt* (الزّكاة), li hija l-karità obbligatorja, 4. is-sawm (*aṣ-ṣawm* – الصّوم), u 5. il-*ħaġġ* (الحَجّ), jew il-pellegrinaġġ f'Mekka u f'imkejjen oħra madwarha, għall-anqas darba f'ħajjet il-Mislem li jkun f'qagħda li jħares dan l-obbligu. Dawn il-ħames pilastri huma obbligatorji għall-Misilmin.

'Ismāgħīl (إسْماعِيل): L-isem bl-ilsien Gharbi ta' Ismagħel bin Abraham (s.f.).

Ismijiet, l-Isbaħ (*'al-'asmā'u l-ħusnā* – الأسماء الحُسْنى): Fl-Islam Alla l-Imbierek jingħata disgħa u disgħin "isem sabiħ" li jippruvaw jiġbru fihom uħud mill-kwalitajiet u l-attributi divini tiegħu. Madanakollu, ħaġa waħda hija ċerta: il-bniedem ma jista' qatt ikun jaf l-attributi kollha ta' Alla, u żgur li huma ħafna aktar mid-disgħa u disgħin li jirreferi għalihom wieħed mill-*ħadīṯ* tal-Profeta Muhammad (s.f.). Il-pagani tal-peniżola Gharbija kienu jżebilhu dawn l-ismijiet billi jibdluhom xi ftit u jagħtuhom lill-idoli tagħhom. Għalhekk l-alla *'al-Lāt* ġej mill-isem qaddis ta' Alla *'Allāh*, u l-isem ta' l-alla *'al-Għużżā* ġej mill-attribut ta' Alla *'al-Għażiż* "il-Qawwi", filwaqt li l-isem ta' l-alla *'al-Manāt* ġej mill-attribut ta' Alla *'al-Mannān*, jiġifieri "il-Benefattur". (Ara l-appendiċi: L-Isbaħ Ismijiet).

Istigħāḏa, 'al- (الاسْتِعاذة): Qabel jibda l-qari tal-Qoran imqaddes tinghad din it-talba qasira, imsejħa *'al-istigħāḏa* bl-Għarbi, li biha l-Mislem jitlob il-ħarsien ta' Alla l-Imbierek mill-qerq u mill-ħażen tax-Xitan: *'aghūḏu bi-llāhi mina x-xajṭāni r-raġīm* jiġifieri "Nistkenn f'Alla mix-Xitan il-mishut." B'hekk ikun qiegħed jobdi l-amar ta' Alla meta qal: "Meta taqra l-Qorān, itlob il-kenn (*u l-harsien*) ta' Alla mix-Xitan il-mishut (*biex it-tfesfis tiegħu ma jtellfekx*)." (Suret in-Naħal 16:98).

Ittri mqattgħa, l- (*'al-ħurūfu l-muqaṭṭagħa* – الحُروف المُقَطَّعة): Bosta suriet jibdew b'ismijiet ta' xi ittra jew ittri ta' l-alfabett Għarbi. Hekk, per eżempju, l-ismijiet ta' l-ittri *'alif, lām*, u *mīm* insibuhom fis-suriet numru 2, 3, 29, 30, 31 u 32. Skond ħafna mill-għorrief li jfissru u jfiehmu mill-aħjar li jistgħu l-Qoran imqaddes, dawn l-ittri huma bħal sfida għal dawk li jsostnu li dan il-Ktieb huwa prodott tal-bniedem. Jekk dan huwa minnu, dawn għandhom jippruvaw joħorġu b'xi qoran ieħor bħal dan. Iżda din il-ħaġa hija impossibbli għaliex il-Qoran huwa Rivelazzjoni mingħand Alla l-Imbierek, u l-bniedem ma jistax jagħmel dak li jagħmel Alla. Wieħed jinnota li ħafna drabi, wara li jidhru dawn l-ittri, jissemma l-Qoran. Għorrief oħra jidhrilhom li dawn

l-ittri jghinu biex jiġbdu aktar l-attenzjoni tal-qarrej jew tas-semmiegh ghas-**sura** li tkun se tinqara. Jibqa' l-fatt li hadd hlief Alla ma jaf it-tifsira vera ta' dawn l-ittri.

Jagħqūb (يَعْقُوب): L-isem bl-ilsien Gharbi ta' Ġakobb, iben Iżakk, iben Abraham (s.f.).

Kagħba, il- (الكَعْبة): Din hija l-binja f'ghamla kubika li bnew Abraham u ibnu Ismaghel (s.f.) fil-belt ta' Mekka ghall-qima ta' Alla l-Imbierek. Il-Misilmin madwar id-dinja kollha jduru lejn il-*Kagħba* waqt it-talb (***ṣalāt*** – صَلاة) taghhom hames darbiet kuljum. Fil-*Kagħba* tinsab il-ħaġra s-sewda (*'al-ħaġar 'al-'aswad* – الحَجَر الأسْوَد). Skond it-tradizzjoni din il-ġebla waqghet mis-sema u kien Abraham (s.f.) li qeghedha fil-*Kagħba*. Il-pellegrini li jagħmlu r-rit tat-*ṭawāf*, jiġifieri d-dawrien madwar il-*Kagħba* ghal seba' darbiet, ibusuha jew isellmulha bhalma kien jagħmel il-Profeta Muhammad (s.f.). F'Suret il-Muntanja (52), vers 4, naqraw hekk: "... u *(nahilfu)* fuq id-dar li jgħammru fiha *(l-anġli)*..." Din id-dar tinsab fis-smewwiet, u l-anġli jżuruha u jduru madwarha bhalma jagħmlu l-Misilmin madwar il-*Kagħba*.

Kalendarju Hiġrī: Ara **Sena Hiġrija**.

Kawṯar, 'al- (الكَوْثَر): Isem ta' xmara fil-Ġenna li Alla ta lill-Profeta Muhammad (s.f.). Il-kelma tfisser ukoll "abbundanza". (Ara sura 108).

Kursī (كُرْسِيّ): Din il-kelma tfisser "siġġu". Il-Misilmin isejhu l-vers 255 ta' Suret il-Baqra, li fih jissemma "is-Siġġu" "il-vers tas-Siġġu". Dan jitqies bhala l-aqwa vers fil-Qoran imqaddes. Dan il-vers u l-ahhar żewġ versi ta' Suret il-Baqra jharsu lill-bniedem, bir-rieda ta' Alla l-Imbierek, mix-xjaten u l-hsara taghhom.

Marwā: Ara **Ṣafā,'aṣ-**.

Medina (*'al-Madīnatu l-munawwara* – المَدِينة المُنَوَّرة – "il-belt l-imdawla"): Belt fil-peniżola Gharbija li qabel l-Islam kienet tissejjah Jaṯrib. Il-Profeta Muhammad (s.f.) u l-ewwel Misilmin waslu fiha fis-sena 622 w.K. (ara **Hiġra**). In-nies ta' Medina taw merħba u laqghu lill-Misilmin b'ħeġġa kbira, u bl-għajnuna taghhom twaqqfet l-ewwel komunità Misilma. Minn dak iż-żmien Jaṯrib bdiet tissejjah *madīnatu n-nabī* "il-belt tal-Profeta" – *'al-madīna* fil-qosor. F'din il-belt twaqqfet it-tmexxija ċentrali ta' l-Islam, u minnha l-Islam xtered ma' l-erbat irjieh tad-dinja. Kien f'din il-belt li Muhammad (s.f.) irċieva l-ahhar versi tal-Qoran. Meta fis-sena 632 w.K. il-Profeta (s.f.) miet, huwa ndifen f'daru li kienet tmiss mal-moskea ewlenija ta' Medina li huwa stess kien bena.

Mekka (*Makkatu l-mukarrama* – مَكّة المُكَرَّمة – "Mekka l-imweġġha"): Belt qadima fuq ix-xaqliba tal-punent (imsejha 'al-Ħiġāż) tal-peniżola Gharbija. Fil-qedem din il-belt kienet imsejha Bakka. Kien f'Mekka li Abraham u ibnu Ismaghel (s.f.) bnew **il-*Kagħba***. Tribù ewlieni f'Mekka kien dak ta' Qurajx li minnu ħareġ **Muħammad** ibn Ghabd Allāh (s.f.), l-ahhar Profeta ghall-umanità. Fl-ewwel snin tal-missjoni profetika ta' Muhammad (s.f.) il-pagani ta' Mekka xejn ma laqghu tajjeb il-hidma tal-Profeta fosthom, u l-persekuzzjoni kontra l-Misilmin kienet hekk qalila li fis-sena 622 w.K. kellhom ihallu Mekka u jemigraw lejn **Medina**. Meta fis-sena 630 w.K. it-tribù ta'

Qurajx kiser ftehim ta' paċi li kellu mal-Misilmin, dawn reġgħu lura Mekka u ħadu kontroll taghha minghajr tixrid ta' demm. Huma saffew il-*Kagħba* mill-idoli u mir-riti pagani u ddikkjaraw il-belt Misilma. L-Islam iqis Mekka bħala l-aktar belt qaddisa.

Miħrāb (محراب): Fil-Qoran din il-kelma għandha t-tifsira ta' "kamra tat-talb" (3:37; 3:39; 38:21) kif ukoll "maqdes" (19:11). Barra minn hekk, hija n-niċċa f'kull moskea li quddiemha jieqaf l-*imām* waqt li jmexxi t-talb. Hija sservi biex turi d-direzzjoni (il-*qibla*) lejn **Mekka**.

Minā (منى): Wieħed mill-imkejjen li jżur il-pellegrin Mislem matul il-***ħaġġ***. Minā tinsab madwar tmien kilometri 'il boghod minn Mekka u madwar sittax-il kilometru 'il boghod minn Għarafāt.

Mislem, Misilma, pl. Misilmin – (*muslim, muslima* pl. *muslimūn, muslimāt* – مُسْلِم، مُسْلِمة، مُسْلِمون، مُسْلِمات): Persuna li temmen f'Alla Wieħed, fil-Profeta Muhammad (s.f.), f'Jum il-Qawmien, li tistqarr ix-***xahāda***, u taċċetta l-kmandamenti ta' Alla u tal-Profeta tieghu (s.f.). Il-kelma *muslim* tfisser "bniedem li ntelaq għar-rieda ta' Alla".

Muħammad (مُحَمَّد 570-632 w.K.): L-isem sħiħ huwa Muhammad ibn Ghabd Allāh ibn Ghabd il-Muṭṭalib (s.f.). Huwa l-aħħar f'sensiela ta' Profeti u Mibghutin ta' Alla l-Imbierek lill-bnedmin kollha. Twieled madwar is-sena 570 w.K. fil-belt ta' **Mekka**. Minkejja li l-familja tal-Profeta Muhammad (s.f.) kienet tagħmel parti mit-tribù ewlieni f'dik il-belt, dak ta' Qurajx, materjalment ma kinitx f'qagħda tajba ħafna. Missier Muhammad (s.f.) miet qabel it-twelid ta' ibnu, u ommu, li kien jisimha Āmina, mietet meta Muhammad kellu madwar sitt snin. Fl-età ta' 25 sena Muhammad (s.f.) iżżewweġ lil Ḫadīġa, mara għanja li kienet tmexxi negozju ta' trasport ta' merkanzija bil-karovani. Madwar is-sena 610 w.K. Muhammad (s.f.) irċieva l-ewwel versi tal-**Qoran imqaddes** minghand l-anġlu Gabrijel fl-għar ta' Ḫirā'. Din ir-rivelazzjoni ta' versi divini baqghet sejra sal-mewt tal-Profeta fis-sena 632 w.K. Il-ġabra ta' dawn il-versi bl-ilsien Għarbi tissejjah ***'al-Qur'ān***, bil-Malti *il-Qoran*. Fl-ewwel snin wara li nghata l-missjoni profetika Muhammad (s.f.) ma żammx lura milli jxandar l-Islam lil nies Mekka, iżda l-kotra tal-Mekkin ma riditx taċċetta li bniedem minghajr tagħlim u minghajr wisq ġid materjali bħal Muhammad seta' qatt ikun Profeta. Mhux talli m'emmnuhx, talli ppersegwitaw kemm felhu lilu u lill-ftit segwaċi tieghu li haddnu l-Islam. Fis-sena 622 w.K. l-oppożizzjoni tal-Mekkin kienet hekk qalila li Muhammad (s.f.) u shabu kellhom ihallu art twelidhom u jemigraw lejn **Medina** (ara **Hiġra**). F'din il-belt l-Islam seta' jifrex għeruqu, jikber u jissaħħaħ. F'Medina Muhammad kien il-mexxej suprem – Profeta u kap tal-***'Umma***, jiġifieri tal-komunità tal-Misilmin. Fis-sena 630 w.K., wara li t-tribù ta' Qurajx kiser ftehim ta' paċi mal-Misilmin magħmul f'Ħudajbija, Muhammad (s.f.) u għadd ta' qawwiet Misilmin daħlu trijonfalment f'Mekka u ddikjarawha bħala l-belt qaddisa ta' l-Islam. Fis-sena 632 w.K. il-Profeta Muhammad (s.f.) għamel l-aħħar ***ħaġġ***, jew pellegrinaġġ, f'Mekka u fit-8 ta' Ġunju ta' dik is-sena miet f'daru fil-belt ta' Medina.

Muħkamāt (مُحْكَمات): F'Sūrat Āl Ghimran (3:7) naqraw hekk: "Huwa li niżżel fuqek (*Muhammad*) il-Ktieb. Fih hemm versi li t-tifsir taghhom huwa mill-aktar ċar – huma Omm il-Ktieb. (*Versi*) oħra jista' jkollhom aktar minn tifsira waħda." Dan ifisser li l-

Qoran huwa maghmul minn żewġ tipi ta' versi: 1. dawk li "t-tifsir taghhom huwa mill-aktar ċar" – *'al-muħkamāt*, u 2. dawk li "jista' jkollhom aktar minn tifsira wahda" – *'al-mutaxābihāt* (المُتَشابِهات). Il-*muħkamāt* huma "Omm il-Ktieb", jiġifieri huma s-sisien tal-Qorān.

Munāfiqūn (المُنافِقون): Kelma li tfisser "dawk ta' wiċċ b'iehor, ipokriti". Fl-ewwel żminijiet ta' l-Islam il-Misilmin kellhom ihabbtu wiċċhom mal-qerq ta' nies li kienu jistqarru li haddnu l-Islam iżda fil-fatt kienu ghedewwa tiegħu. Ħafna drabi dawn it-talin kienu sahansitra jidħlu f'alleanzi ma' l-ghedewwa ta' l-Islam. Sura shiha fil-Qoran imqaddes, Suret Dawk ta' Wiċċ b'Iehor, titkellem dwarhom. (Ara d-dahla ghas-sura).

Muslim, Hadīṯ: Ara **Ṣaḥīḥ Muslim**.

Mūsā (مُوسَى): L-isem bl-ilsien Gharbi ta' Mosè (s.f.).

Mutaxābihāt: Ara **Muħkamāt**.

Mużdalifa (مُزْدَلِفة): Wieħed mill-imkejjen li l-pellegrin Mislem iżur waqt il-***ħaġġ***. Mużdalifa tinsab bejn Għarafāt u Minā, u fiha l-pellegrini jgħaddu l-lejl tad-10 ta' *ḏū l-Ħiġġa*.

Nasḫ (نَسْخ): Thassir, abrogazzjoni ta' vers b'vers iehor li niżel wara. (Aqra 2:106).

Nies il-Ġnien: Naqraw dwar dan il-ġnien f'Suret il-Pinna, vers 17. Jingħad li dan il-ġnien kien ta' raġel Mislem li kien jgħix qrib Ṣangħā', fil-Jemen. Dan kien bniedem ta' qalb kbira u meta kien jaqta' mill-frott tal-ġnien, kien dejjem jaħseb fil-foqra. Huwa kellu tliet ulied li xejn ma ħarġu jixbhuh. Meta l-missier miet, dawn ftiehmu bejniethom li l-frott jibdew jaqtgħuh kmieni ħafna, mas-sebħ, meta l-foqra jkunu għadhom ma ħarġux minn djarhom, u b'hekk ma jqassmulhom xejn. Alla l-Imbierek ikkastiga din ix-xehha billi baghat nirien fuq il-ġnien li ħaraqhulhom.

Pellegrinaġġ: Ara **Ħaġġ** u **Għumra**.

Qibla (القِبْلة): Il-*qibla* hija d-direzzjoni li l-Mislem iħares lejha meta jitlob. Il-Misilmin f'Mekka kienu jduru lejn il-***Kagħba*** meta kienu jitolbu, iżda wara li emigraw lejn Medina Alla l-Imbierek, biex iġarrabhom, qabbadhom iħarsu lejn Ġerusalemm. Huma damu jagħmlu hekk għal sittax jew sbatax-il xahar, sa ma Alla l-Imbierek reġa' qabbadhom iħarsu lejn il-*Kagħba*. Min-naha tagħhom il-Lhud u l-pagani nqdew b'din il-ġrajja biex idaħħlu d-dubji dwar l-Islam. Huma kienu jakkużaw lill-Misilmin li qegħdin iħawdu, u li t-talb tagħhom ma jgħoddx. Għalhekk Alla ordna lil Muhammad (s.f.) biex iweġibhom li Alla huwa Sid il-holqien kollu u għandu s-setgħa jordna lill-qaddejja tiegħu jħarsu fejn irid Hu waqt it-talb. Sew jekk il-Misilmin iħarsu lejn il-*Kagħba*, u sew jekk lejn Ġerusalemm, huma jkunu qegħdin jobdu l-amar ta' Alla. (Aqra 2:142).

Qoran, il- (*'al-qur'ān* – القُرآن): Bl-ilsien Għarbi l-Ktieb imqaddes tal-Misilmin jissejjaħ *'al-qur'ān*, kelma li tfisser "il-qari". Ħafna drabi l-Qoran jingħata l-aġġettiv *'al-karīm* (الكَرِيم), jiġifieri "l-imweġġaħ, il-glorjuż". Il-prototip tal-Qoran jinsab fis-sema, iżda Alla l-Imbierek, fl-imħabba kbira tiegħu lejn ġens il-bnedmin, niżżlu mis-sema permezz ta' l-anġlu Gabrijel lill-Profeta Muhammad (s.f.) fuq medda ta' madwar

tlieta u għoxrin sena. Xi suriet, jiġifieri kapitli tal-Qoran, tniżżlu lill-Profeta Muhammad (s.f.) f'Mekka matul l-ewwel tlettax-il sena tal-missjoni profetika tiegħu u ohrajn tniżżlulu f'Medina matul l-ahhar għaxar snin ta' ħajtu. Il-Qoran iseddaq it-tagħlim tat-*Torā* ta' Mosè (s.f.) u ta' l-Evanġelju ta' Ġesù (s.f.). Jeżisti biss Qoran wieħed għall-Misilmin kollha, hu x'inhu l-isfond reliġjuż, kulturali u nazzjonali tagħhom (*Sunna* jew *Xīgħa*, Għarab jew mhux Għarab). Huwa magħmul minn mija u erbatax-il **sura**, u kull sura fiha għadd ta' versi (*'ājāt*). Hemm regoli fissi ta' kif wieħed jaqra l-Qoran, u l-Mislem li jkun se jieħu f'idu dan il-Ktieb irid jara li jkun fi stat ta' safa. Il-Qoran imqaddes niżel bl-ilsien Għarbi, ilsien il-Profeta Muhammad (s.f.), u b'dan l-ilsien għadhom jaqrawh il-miljuni ta' Misilmin imxerrdin ma' l-erbat irjieh tad-dinja. It-traduzzjonijiet f'mijiet ta' ilsna jservu biss biex ifissru, mill-aħjar li jistgħu, it-tagħlim ta' dan il-Ktieb qaddis, iżda ma hemmx aħjar milli wieħed jaqra t-test fl-ilsien oriġinali tiegħu għaliex ikun qieghed jaqra eżattament kliem Alla l-Imbierek. Għall-Misilmin, il-Qoran, minbarra li huwa miraklu fih innifsu, huwa l-gwida ewleninja li fuqha jfasslu hajjithom. Warajh tiġi s-***Sunna***, jiġifieri t-tradizzjoni tal-Profeta (s.f.).

Qur'ān, 'al-: Ara **Qoran, il-**.

Qurajx (قُرَيْش): Isem it-tribù tal-Profeta Muhammad (s.f.). Dan kien wieħed mit-tribujiet ewlenin u l-aktar b'saħħithom f'Mekka u kien mogħti ħafna għall-kummerċ fl-idoli. Barra minn hekk, dan it-tribù kellu taħt idejh il-ħarsien tal-maqdes tal-*Kagħba*, ħidma li ġabitlu ħafna prestiġju. Kien għalhekk li t-twemmin f'Alla Wieħed imxandar mill-Profeta Muhammad (s.f.) xejn' ma niżel tajjeb ma' nies Qurajx, u dawn għamlu minn kollox biex ifixklu l-Islam. L-oppożizzjoni tagħhom kontra l-Profeta (s.f.) u kontra l-Islam kienet qalila ħafna, u saħansitra kienu waslu biex ippruvaw joqtluh. Il-qagħda kienet daqshekk perikoluża li fis-sena 622 w.K. il-Profeta Muhammad (s.f.) kellu jitlaq minn Mekka u jsib kenn f'Jaṯrib (aktar tard imsejħa 'al-Madīna – ara **Medina**). Wara li fis-sena 630 w.K. il-Misilmin seħħilhom jidħlu rebbiħin f'Mekka, it-tribù kollu ta' Qurajx daħal fl-Islam.

Rāgħinā (راعِنا): Bl-Għarbi l-kelma *rāgħinā* litteralment tfisser "ħares lejna". Madanakollu, din il-kelma tista' tinftiehem ukoll b'tifsir mhux xieraq, u l-Lhud kienu ta' sikwit jgħiduha lill-Profeta Muhammad (s.f.) b'intenzjoni ħażina. Kien għalhekk li l-Misilmin kienu mhegġġa jużaw kelma oħra minflokha, jiġifieri *unẓurnā* (اُنْظُرْنا), li wkoll tfisser "ħares lejna". Din il-kelma ma tohloq ebda taħwid fit-tifsir. (Aqra 2:104).

Rakgħa (رَكْعة): Din hija taqsima tat-talb li fih il-Mislem jaqra l-*Fātiħa* u versi oħra, imil, jieqaf dritt u mbagħad jinxtehet wiċċu fl-art darbtejn. Ir-*rukūgħ* huwa wieħed mill-movimenti fit-talb (*ṣalāt*) Mislem, meta l-persuna li titlob tmil minn qaddha 'il quddiem. (Aqra 4:102).

Ramaḍān (رَمَضان): Id-disa' xahar fil-kalendarju Mislem. Matulu s-sawm huwa obbligatorju, minn qabel tlugħ ix-xemx sa nżulha. Kien f'dan ix-xahar li niżlu lill-Profeta Muhammad (s.f.) l-ewwel versi tal-Qoran imqaddes u għalhekk huwa meqjus bħala xahar imbierek.

Ribā,'ar- (الرِّبا): L-imgħax li min isellef jircievi minghand min jissellef, b'rata fissa, minbarra l-ammont misluf. Alla l-Imbierek ipprojbixxa l-imgħax. Hemm żewġ tipi ta' *ribā*: 1. imgħax meħud fuq flus mislufa, u 2. li wieħed jieħu xi ħaġa ta' kwalità għolja talli jagħti inqas mill-istess ħaġa u li tkun ta' kwalità inferjuri.

Rivelazzjoni: Ara **Tinżil**.

Ruqja,'ar- (الرُّقْيَة): Kelma li tfisser "amulet, talisman" u huwa isem ieħor mogħti lil Suret il-Ftuħ (*'al-Fātiħa*). Dan l-isem ingħatalha għaliex ħafna drabi tinqara fuq il-morda bit-tama li, bir-rieda ta' Alla l-Imbierek, iseħħ il-fejqan.

Sabijin, is- (الصّابئون): Dawn kienu ġens ta' reliġjon monoteistika li wieħed jista' jqiegħed bejn il-Ġudaiżmu u l-Kristjaneżmu. Huma kienu ħallew il-paganiżmu ta' missirijiethom u reġgħu lura għat-twemmin safi f'Alla Wieħed ta' Abraham (s.f.). Dan seħħ ħafna sekli qabel il-missjoni profetika ta' Muħammad (s.f.). Kien hemm ġemgħa oħra fil-peniżola Għarbija, eżattament f'Ħarrān, li sejħet lilha nnifisha bl-istess isem. Din kienet setta Njostika li nqdiet bl-istess isem – Sabijin – u għamlet tabirruħha li kellha twemmin monoteistiku bil-għan li tgawdi l-vantaġġi li l-Islam jagħti lil kulmin jemmen f'Alla l-Wieħed. (Aqra 2:62).

Ṣadaqa (صَدَقة): Karità li ssir mal-fqar b'mod voluntarju jew obbligatorju, f'Isem Alla. Il-karità tista' tieħu għamliet differenti ta' għajnuna lil nies fil-bżonn. Alla l-Imbierek jgħożż ħafna lil dawk li jagħtu l-karità. (Aqra 2:271).

Ṣafā, 'aṣ- (الصَّفا): Waħda miż-żewġ għoljiet żgħar qrib il-***Kagħba***. L-oħra tissejjaħ **Marwā**. Ir-ritwal ta' l-***għumra*** u tal-***ħaġġ*** jeżiġi li l-pellegrini jimxu, b'ċerta ħeffa, għal seba' darbiet bejn dawn iż-żewġ għoljiet. Dan il-mixi b'pass mgħaġġel jissejjaħ ***sagħj***. (Aqra 2:158).

Sagħj (سَعْي): Ir-ritwal kollu ta' l-***għumra*** u parti mir-ritwal tal-***ħaġġ*** jesiġu li l-pellegrini jimxu, b'ċerta ħeffa, għal seba' darbiet bejn iż-żewġ għoljiet ta' Ṣafā u Marwā, qrib il-***Kagħba***. Dan il-mixi b'pass mgħaġġel jissejjaħ ***sagħj*** u jissimbolizza l-ġrajja meta Hāġar, mart Abraham (s.f.), fittxet kemm felħet għall-ilma biex tisqi lil binha Ismagħel. (Aqra 2:158).

Ṣaħīħu l-Buḫārī (صَحيح البُخاري): Ġabra ta' ***ḥadīṯ*** tal-Profeta Muħammad (s.f.) li ħejja l-istudjuż Sunnī ta' nisel Persjan Muħammad ibn Ismā'īl ibn Ibrāhīm ibn al-Muġħīrah ibn Bardizba 'al-Buḫārī (810-870). Il-Misilmin iqisu din il-ġabra bħala l-aktar waħda awtentika mill-ġabriet l-oħra ta' *ḥadīṯ*. Ġabra oħra ta' *ḥadīṯ* li titqies fuq l-istess livell ta' dik ta' 'al-Buḫārī hija ***Ṣaḥīḥ Muslim***. (Ara wkoll **Tirmiḏī**).

Ṣaḥīḥ Muslim (صَحيح مُسْلِم): Waħda miż-żewġ ġabriet ta' ***ḥadīṯ*** meqjusa *ṣaḥīḥ*, jiġifieri "vera, li wieħed jista' joqgħod fuqha" (il-ġabra l-oħra hija ta' **Buḫārī**). Din kienet ix-xogħol ta' 'Abū l-Ħusajn Muslim ibn al-Ħaġġāġ an-Najsabūrī li għex fid-disa' seklu w.K. Muslim kien aktar eżatt minn Buḫārī fid-dettalji dwar id-differenza bejn rakkont u ieħor ta' l-istess ġrajja. Barra minn hekk, it-taqsim tar-rakkonti huwa aħjar minn ta' Buḫārī. (Ara wkoll **Tirmiḏī**).

Ṣalāt, 'aṣ- (الصَّلاة): Din il-kelma tfisser "it-talb" u hija t-tieni mill-"ħames pilastri" ta' l-**Islam**. Il-Mislem jitlob ħames darbiet matul il-jum: mas-sebħ (*ṣalātu l-fağr* – صَلاة الفَجْر), f'nofsinhar (*ṣalātu ẓ-ẓuhr* – صَلاة الظُّهْر), wara nofsinhar (*ṣalātu l-għaṣr* – صَلاة العَصْر), ma' nżul il-xemx (*ṣalātu l-magħrib* – صَلاة المَغرب) u tard filgħaxija (*ṣalātu l-għixā'* – صَلاة العِشاء). Nhar ta' Ġimgħa f'nofsinhar, il-Misilmin jinġabru fil-moskej għal *ṣalātu l-ġumgħa*, it-talb tal-Ġimgħa li matulu l-mexxej tat-talb, l-*imām*, jagħmel il-*ħuṭba*, jiġifieri "il-prietka". Qabel it-talb kull Mislem irid jagħmel il-ħasil ritwali (*wuḍū'* – وُضوء). Minbarra dan it-talb obbligatorju l-Mislem jagħmel ukoll talb ta' xejra personali skond il-ħtiġijiet tiegħu. Dan it-talb jissejjaħ *dugħā'* (دُعاء).

Ṣawm, 'aṣ- (الصَّوم, jew *'aṣ-ṣijām* – الصِّيام): Dan huwa r-raba' mill-ħames pilastri ta' l-Islam. Dan is-sawm isir matul id-disa' xahar imsejjaħ ***Ramaḍān*** fil-kalendarju Mislem. Matulu l-Misilmin la jieklu, la jixorbu, la jpejpu, u lanqas ikollhom relazzjonijiet sesswali minn qabel tlugħ ix-xemx sa nżulha. Is-sawm huwa ta' fejda kemm għall-ġisem kif ukoll għar-ruħ għaliex irawwem fil-Mislem is-sens ta' ċaħda u kontroll fuqu nnifsu. Il-morda, nisa tqal, nisa jreddgħu, jew nisa li jkunu qegħdin jaraw id-demm ta' kull xahar, kif ukoll nies f'safar huma eżentati mis-sawm matul *Ramaḍān*. Huma jpattu għal dan in-nuqqas ta' sawm billi, fi żmien ieħor, isumu l-istess għadd ta' jiem li ma samux f'*Ramaḍān*. Persuna mdaħħla fiż-żmien ma ssumx iżda, jekk tkun tista', titma' bniedem fqir ta' kuljum fix-xahar ta' *Ramaḍān*.

Sena Hiġrija (السَّنة الهِجْرِيَّة): Il-ġrajja tal-***Hiġra*** tat bidu għall-kalendarju Mislem. Dan il-kalendarju fih tnax-il xahar u jimxi maċ-ċiklu tal-qamar. Dawn huma l-ismijiet tax-xhur: *Muharram, Ṣafar, Rabīgħu l-'awwal, Rabīgħu ṯ-ṯanī, Ġumādā l-'awwal, Ġumādā ṯ-ṯanī, Raġab, Xagħbān, Ramaḍān, Xawwāl, ḏū l-Qagħda, ḏū l-Ħiġġa*. Uhud minnhom huma ta' disgħa u għoxrin jum u oħrajn ta' tletin jum.

Sidratu l-muntahā (سِدْرَة المُنْتَهى): Din hija s-Siġra tat-Tmiem, imsejħa hekk għaliex tinsab fuq is-seba' sema, qrib il-Ġenna. Ma hemmx qbil dwar l-għamla eżatta ta' din is-siġra. Hija tinsab fl-aktar post imbiegħed fil-ħolqien. Lil hinn minn dan l-imkien, l-għamla fiżika u l-għerf tal-ħlejjaq, anki dak ta' l-anġli, jiġu fix-xejn. (Aqra 53:14).

Siġra tat-Tmiem, is-: Ara **Sidratu l-muntahā**.

Sliem (*ta' Alla*) fuqu, Is- (*għalajhi s-salām* – عَلَيْهِ السَّلام): Din il-frażi tingħad u tinkiteb kull darba li jissemma xi wieħed mill-Profeti u mill-Mibgħutin ta' Alla l-Imbierek. Il-frażi fil-plural hija *għalajhim is-salām* – عَلَيْهِم السَّلام. Meta jissemma l-Profeta Muħammad tingħad il-frażi *ṣallā llāhu għalajhi wa sallam* (صَلَّى اللهُ عَلَيْهِ وَسَلَّم) jiġifieri "Alla jbierku u jagħtih is-sliem." Din ġieli titqassar hekk: *għalajhi ṣ-ṣalātu w-as-salām* (عَلَيْهِ الصَّلاةُ والسَّلام) "Il-barka u s-sliem (ta' Alla) fuqu."

Sunna (السُّنَّة): It-tradizzjoni tal-Profeta Muħammad (s.f.), jiġifieri r-rendikont ta' dak li kien imdorri jagħmel u ta' dak li qal u kif ġab ruħu f'sitwazzjonijiet partikulari. Din it-tradizzjoni kienet u għadha sservi ta' mudell għall-Misilmin ta' kull żmien. Il-ġabriet tal-***ħadīṯ*** jitkellmu dwar dawn id-drawwiet u jikkwotaw lill-Profeta f'ħafna okkażjonijiet differenti u dwar għadd kbir ta' suġġetti. Għalhekk is-*Sunna* hija għajn ta' ġurisprudenza siewja ħafna għall-Misilmin u tikkumplimenta l-Qoran imqaddes. Xi kultant is-*Sunna* sservi biex tfisser ċerti versi tal-Qoran. Għalkemm tikkonċerna l-

aktar lill-Profeta Muhammad (s.f.), is-*Sunna* tiġbor fiha wkoll id-drawwiet ta' l-ewwel ġenerazzjoni ta' Misilmin f'Medina. Din il-ġenerazzjoni kellha x-xorti li titgħallem l-Islam direttament mingħand il-Profeta (s.f.), u dak li tgħallmet għaddietu lill-ġenerazzjoni ta' warajha.

Sūra (pl. *suwar* – سُوَر، سُورة): Hekk jissejjaħ kull kapitlu tal-Qoran. B'kollox hemm mija u erbatax-il sura fil-Qoran u kull waħda minnhom ħadet isimha minn xi kelma ewlenija msemmija fiha. Kull sura hija magħmula minn għadd ta' ***'āj**āt*, jiġifieri "versi". L-iċken suriet huma *Suratu l-Għaṣr*, *'al-Kawṯar* u *'an-Naṣr* bi tliet versi kull waħda, u l-itwal hija *Suratu l-Baqara* b'mitejn sitta u tmenin vers.

Swat: Il-kastig b'daqqiet ta' sawt huwa mħejji għall-irġiel u għan-n-nisa li jiżnu bejniethom u li jkunu għadhom ma żżewġux. Il-kastig għall-irġiel u n-nisa miżżewġin li jinqabdu jiżnu huwa t-tħaġġir. It-tieni vers tas-sura 24 (*'an-Nūr*) iħassar il-vers 15 u 16 tar-raba' sura. Dan il-kastig jingħata jekk il-qorti Misilma jkollha prova ċara permezz ta' stqarrija miż-żieni nnifsu li jistqarr għemilu, jew inkella bix-xhieda ta' erbgħa min-nies, ta' min wieħed jista' joqgħod fuqhom, li jixhdu li raw b'għajnejhom lill-mixli jagħmel att sesswali bl-aktar mod ċar u mingħajr ebda dubju. (Aqra 24:2).

Ṭāg<u>ħ</u>ūt (طاغُوت): Din il-kelma hija assoċjata mas-sens ta' "qbiż tal-limiti leġittimi". Huwa l-każ ta' meta l-maħluq "jaqbeż il-limiti" u jagħmel lilu nnifsu ħallieq u alla. *Ṭāg<u>ħ</u>ūt* huwa wkoll it-tielet u l-oġħla grad ta' ħtija, meta l-bniedem jeħodha kontra Alla u jimponi r-rieda tiegħu fuq ħaddieħor. It-tieni livell ta' ħtija jissejjaħ *kufr*, meta wieħed jiċħad li għandu joqgħod għal Alla l-Imbierek. L-ewwel, u l-inqas, livell ta' ħtija huwa l-*fisq*, meta l-bniedem ma joqgħodx għal Alla, mingħajr ma jiċħad li għandu jobdih. (Aqra 2:256).

Ṭalāq (الطَّلاق): Ara **Divorzju**.

Ṭālūt (طالُوت): L-isem bl-ilsien Għarbi tas-sultan Sawl.

Tasnīm (تَسْنِيم): Isem ta' għajn ta' l-ilma fil-Ġenna.

Tinżil (bl-Għarbi *tanżīl* – تَنْزِيل): Nom verbali tal-verb *niżżel*. Alla l-Imbierek niżżel mis-sema l-Qoran imqaddes lill-qaddej tiegħu l-Profeta Muhammad (s.f.). Għalhekk ħafna drabi l-Qoran jissejjaħ *tanżil*, jiġifieri "tinżil", għaliex dan il-Ktieb divin tniżżel mis-sema. Għalhekk meta l-Misilmin jirreferu għar-rivelazzjoni tal-kapitli (*is-suriet*) tal-Qoran lil Muhammad (s.f.) huma jinqdew bil-verb *niżel* u jgħidu, per eżempju, "Suret il-Baqra niżlet f'Medina."

Tirmi<u>d</u>ī, 'at- (التِّرْمِذِي): Ismu sħiħ huwa 'Abū Għīsā ibn Muhammad ibn Għīsā u għex fid-disa' seklu w.K. Bħal Buħārī, Muslim u għorrief oħrajn, huwa ħejja ġabra ta' *ħadī<u>ṯ</u>*. Il-ġabra tiegħu hija msejħa *'al-Ġāmigħ*, u l-metodu tiegħu huwa xjentifiku ħafna. At-Tirmi<u>d</u>ī kien ukoll l-awtur ta' għadd kbir ta' xogħlijiet dwar ix-xjenza tal-*ħadī<u>ṯ</u>*. (Ara **Ṣaħīħu l-Bu<u>ħ</u>ārī** u **Ṣaħīħ Muslim**).

Tubbagħ (تُبَّع): Dan kien it-titlu li kienu jieħdu s-slaten ta' ġens fin-nofsinhar tal-peniżola Għarbija, fil-Jemen tal-lum.

'Umma (أُمَّة): L-Islam ta sens ta' nazzjon li kulmin ħaddnu. Il-*'Umma* hija l-ġemgħa kollha tal-Misilmin imxerrdin ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. Illum l-għadd tal-Misilmin jaqbeż il-biljun.

Unẓurnā (اُنْظُرْنَا): Ara **Rāgħinā**.

Xahāda (الشَّهادة): Ix-Xhieda, jew l-istqarrija ta' kull Mislem, li tgħid: *'Axhadu 'anna lā 'ilāha 'illa llāh, wa-'axhadu 'anna muħammadan rasūlu llāh*, li tfisser "Nixhed (u nistqarr) li ma hemmx alla ħlief Alla, u nixhed (u nistqarr) li Muħammad huwa l-Mibgħut ta' Alla." Din ix-xhieda hija l-ewwel mill-"ħames pilastri" ta' **l-Islam**.

Xajṭān,'ax- (الشَّيْطان): Ix-Xitan, "l-għadu ta' Alla". (Ara **'Iblīs**).

Xarīgħa,'ax- (الشَّرِيعَة): Il-liġi Islamika li tiġbor il-kmandamenti u d-digrieti ta' Alla l-Imbierek lill-bnedmin. Il-**Qoran imqaddes** u s-***Sunna*** (jew it-tradizzjoni) tal-Profeta Muħammad (s.f.) huma s-sisien tax-*Xarīgħa*.

Żajd bin Hāriṯa: Dan kien ilsir li l-Profeta Muħammad (s.f.) mhux biss fdieħ, iżda anki adottah u żewġu lill-kuġina tiegħu Żajnab bint Ġaħx. Iż-żwieġ bejn Żajd u Żajnab ma rnexxiex, u Żajd ried jitlaq lil martu, iżda Muħammad (s.f.) tah parir biex ma jiddivorzjahiex. Dan minkejja li Alla l-Imbierek kien ħabbru li Żajd kien se jitlaq lil Żajnab u li hu, Muħammad, kien se jiżżewwiġha. Dan iż-żwieġ ta' Muħammad (s.f.) ma' Żajnab kellu jservi biex tintemm id-drawwa li kienet ġejja miż-żmien ta' qabel l-Islam, meta l-pagani kienu jqisu l-iben adottat bħala iben shiħ, u għalhekk kienu jipprojbixxu ż-żwieġ tal-missier adottiv mal-mara divorzjata ta' l-iben adottat. Il-Profeta (s.f.) iżżewweġ lil Żajnab b'amar ta' Alla, iżda kien jibża' li n-nies jgħidu li żżewweġ lill-mara divorzjata minn ibnu l-adottat. Alla ċanfru ta' dan, għaliex ma kellux jibża' minn ilsien in-nies dwar xi ħaġa li Alla stess kien ippermetta.

Żakāt,'aż- (الزَّكاة): Karità obbligatorja kalkulata fuq il-ġid materjali tal-Mislem. Din titħallas fuq ċerti oġġetti ta' lussu bħalma huma d-deheb, il-fidda, l-uċuħ tar-raba', il-merħliet, merkanzija u flus kontanti. Din l-għamla ta' karità hija t-tielet mill-ħames pilastri ta' **l-Islam**. Litteralment il-kelma tfisser "tisfija". Għalhekk iż-*żakāt* hija kontribuzzjoni li "ssaffi" lill-Mislem li jagħtiha. Minbarra din il-karità obbligatorja, il-Mislem huwa mħeġġeġ jagħmel karità ta' xejra volontarja.

Żaqqūm (زَقُّوم): Is-siġar taż-*żaqqūm* jikber biss f'qiegħ l-Infern u l-frott tiegħu huwa kollu xewk u wisq ħażin. Anki fid-dehra tiegħu huwa ikrah, u l-Qoran imqaddes ixebbhu ma' rjus ix-xjaten. Dan il-frott huwa ikel il-ħatjin li, biex itaffu t-togħma mill-aghar tiegħu, ikollhom jixorbu taħlita ta' ilma jinten u jagħli.

Ẓihār,'aẓ- (الظِّهار): Fiż-żmien ta' qabel l-Islam kienet prattika komuni li raġel jiddivorzja lil martu billi jgħidilha: "Għalija dahrek huwa bħal dahar ommi." B'dan jiddikjara li huwa projbit li jmiss lil martu, bħalma huwa projbit li jmiss lil ommu. Dan id-divorzju kien jissejjaħ *ẓihār*, kelma li ġejja minn *ẓahr* "dahar". Din kienet ħaġa mill-aktar kiefra għall-mara għaliex, f'sitwazzjoni bħal din, hija kienet tibqa' mdendla: la kienet divurzjata, u għalhekk ma kinitx tista' terġa' tiżżewweġ, u lanqas kienet tista' terġa' tingħaqad ma' żewġha. L-Islam jikkundanna din il-prattika għaliex xejn ma tagħmel ġieħ lill-mara, u ma jqishiex bħala divorzju imma bħala projbizzjoni

temporanja fir-relazzjonijiet sesswali. Ir-raġel ikun jista' jerġa' jinghaqad ma' martu billi jehles ilsir, jew isum xahrejn, jew inkella jitma' sittin fqir.

Tifsir il-Kliem*

Taqsir il-kliem: *vb.* verb, verbali; *preż.* preżent; *n.* nom; *sg.* singular; *pl.* plural; *aġġ.* aġġettiv; *koll.* kollettiv; *komp.* komparattiv; *part.* partiċipju; *pass.* passiv.

AMAR: *v.* (*preż.* jamar) qabbad, ordna, ikkmanda, iddekreta; **AMAR**: *n. sg.* ordni, kmand, digriet.

BÂTAL: *aġġ.* li ma jiswiex, bla fejda, fieragħ.

DEBĦA: *n. sg.* annimal tas-sagrifiċċju; **MIDBUĦ**: *part. pass.* maqtul għas-sagrifiċċju; **MIDBAĦ**: *n.sg.* artal.

DELLEL: *v.* qiegħed fid-dell, għamel id-dell lil xi ħadd jew lil xi ħaġa.

DIN (*pl.* djien): *n. sg.* reliġjon, twemmin.

DINAR: *n. sg.* isem ta' munita.

FAĦX: *n. sg.* għemil jew taħdit oxxen u immorali, immoralità. **FAĦXI**: *aġġ.* li joffendi s-safa, immorali, indeċenti.

FEJDA: *n. sg.* siwi, qligħ.

FELĦAN: *aġġ.* li jiflaħ, li hu ta' saħħa u ħila, b'saħħtu.

FERAQ: *v.* fired, għażel minn ma' xulxin f'żewġ nahat.

FIDWA: *n. sg.* fidi, ħelsien ta' xi ħadd minn jasar billi ħaddieħor iħallas għaliħ.

FIERAGĦ: *aġġ.* vojt, li ma fih xejn minn ġewwa.

FRAT: *n. koll.* bhejjem li jirgħaw, bhalma huma iġmla, baqar, nagħaġ u mogħoż. Dawn għandhom id-dwiefer mifruqin.

FTIM: *n. vb.* qtugħ mill-irdigħ ta' tarbija.

ĠARRAB: *v.* kellu esperjenza ta' xi ħadd jew xi ħaġa; **ġarrab** (lil xi ħadd): ippruvah, ittestjah, ittantah.

ĠIFEN (*pl.* iġfna): mirkeb tal-baħar, biċċa jew opra ta' fuq il-baħar.

ĠRAD: *n. sg.* kelma oħra għal *ġurat*: annimal li jtir u jaqbeż.

GANFRA: *n. sg.* siġra dejjem ħadra, b'weraq li jarmi fwieħa xi ftit qawwija, u li mill-fjuri tagħha jittieħed żejt użat bħala dlik kontra l-uġigħ. Din l-essenza tintuża wkoll kontra l-kamla.

GĦAFRIT: *n. sg.* wieħed mill-ismijiet tax-Xitan. (Ara "Xitan" fit-Tagħrif Ġenerali).

GĦASAR: *n. sg.* ħin aktarx tard wara nofsinhar.

GĦERA: *n. sg.* qagħda ta' min ikun għeri, għarwien, bla ħwejjeġ.

GĦID: *n. sg.* jum ta' tifkira, festa, btala.

ĦEMM: *n. sg.* għafis tal-qalb ġej minn diqa, qtigħ ta' nifs li jġib l-inkwiet, ħassib kbir, għali kbir, gwaj.

ĦAQQ, il-: *n. sg.* il-ġustizzja. (*Qawl: Alla jagħmel il-ħaqq u jħarisna minnu*).

ĦARAĠ: *n. sg.* dejn, taxxa mħallsa lill-awtorità tal-pajjiż.

ĦATAR: *v.* għażel lil xi ħadd jew lil xi ħaġa. (*Qawl: Alla jaħtar u jieħu l-aħjar*); **ĦATAR** (*pl.* oħtra): bastun, għasluġ.

---

* Tagħrif addattat minn: Serracino-Inglott, Erin. 1979-1989. *Il-Miklem Malti*. Valletta: Klabb

HBIELA: *n. sg.* qagħda ta' mara li tohbol; żmien ta' tqala.
HJIENA: *n.* imġiba ta' ħajjen (ta' traditur), tradiment, ingann, ħżunija.
HLIQA (*pl.* ħlejjaq): ħolqien ta' Alla, sew jekk bniedem u sew jekk annimal.
HORĠA: *n. sg.* borża tawwalija ta' ajk, tallab jew bejjiegħ, barżakka.
IĠBLA (*n. pl. ta'* ġebel): għolja kbira, muntanja.
IMBRUKKAT: *n. sg.* għamla ta' drapp aktarx oħxon jew doppju, tal-ħarir, minsuġ bħad-damask.
MINFUX: *part. pass.* mhux mgħaqqad, imfettaħ (bħas-suf).
MNIEFAĦ (*n. pl. ta'* minfaħ): oġġett li bih wieħed jonfoħ, għodda li biha wieħed jiġbed ġewwa l-arja, u bil-ftuħ u bl-għeluq ta' maqbad, jerġa' jkeċċih 'il barra, biex iqanqal tifwiġ ta' riħ, (biex iħeġġeġ in-nar fil-forġa, eċċ.).
MRIEKEB (*n. pl. ta'* mirkeb): kull xorta ta' inġenju tas-sewqan, bl-art u bil-baħar (bħal: ġifen, bastiment, vapur, kaless, karrozza, eċċ.).
INSATAR: *v.* inħeba. Ara **SATRA**.
IRHNA (*n. pl. ta'* rahan): oġġett imqieghed għand xi ħadd għal xi żmien għal xi self ta' flus, li ma jintraddx lil sidu jekk dan ma jroddx lura l-flus mislufa; kapparra, garanzija.
ISĦAĦ: *aġġ. komp.* aktar shih.
ITUQ: *v. preż.* jagħti s-saħħa (bħall-ikel), kien ta' fejda.
IXXEKKEL: *v.* safa mxekkel, daħal jew daħħluh fi xkiel, ma tħalliex jew ma baqax aktar ħieles.
JAGĦNI: *v. preż.* jagħti l-ġid, l-għana.
KARFA: *n. sg.* frak tat-tiben li jifdal fuq il-qiegħa wara d-dris.
KIBX: *n. sg.* wild il-mogħża, muntun żgħir; ħaruf, wild in-nagħġa.
LEWM: *n. vb.* xogħol min ilum, wiri bil-kliem lil xi ħadd li ma għamilx jew ma qalx sewwa, għoti ta' ħtija, ċanfir mingħajr għajat.
MAQBAD: *n. sg.* pum.
MARQAD: *n. sg.* post fejn wieħed jorqod.
MIDBAĦ: Ara **DEBĦA**.
MIDBUĦ: Ara **DEBĦA**.
MIKDUD: *part. pass.* kien mifni b'ħafna xogħol jew inkwiet, għajjien, maħqur.
MISTUR: *aġġ.* miżmum sigriet, misterjuż; **bil-mistur**: bil-mohbi.
MKIEN: *n. sg.* post, lok, naħa.
MOGĦNI: *part. pass.* mżejjen bi.
MQAWEL (*n. pl. ta'* maqjel): post fejn jinżammu l-bhejjem.
MREDDGĦA: *n. sg.* mara mqabbda tredda' tarbija ta' ħaddieħor.
MWEĠĠAĦ: *part. pass.* moghti ġieh.
NASSAS: *v.* ħadem minn taħt b'mod li seta' ġab taħwid u nkwiet.
NEBBIETA: ħaxix li jinbet waħdu f'wiċċ l-art.
OĦTRA: Ara **ĦATAR**.
PRIŻA: *n. koll.* dak li wieħed jaqbad taħt idejh fi żmien ta' gwerra.
QANTAR: *n. sg.* terminu ta' użin: mitt ratal, jew tmenin kilogramm.
QASBIJA: *n. sg.* qatta fdal tat-tiben li jibqa' wara l-ħsad.

QTAJJA' (*n. pl. ta'* qatgha): ġemgħat kbar, gruppi f'għadd kbir.
RABTA: *n. sg.* għoti ta' kelma soda, patt, weghda.
RAHAN: Ara **IRHNA**.
RAĦEB: *n. sg.* (*pl.* rħieb): patri, membru ta' xi ordni reliġjuż li jew jgħix f'kunvent jew jgħix ta' eremita.
RDIGĦ: *n. vb.* xorb it-tarbija minn sider ommha jew mill-imreddgħa.
RĦIEB: Ara **RAĦEB**.
RUĦ IL-QODOS: *n. sg.* fil-Qoran imqaddes ifisser l-anġlu Gabrijel.
SADD: *n. vb.* għeluq għal kollox ta' xi ftuħ, imbarrar, imblukkar.
SAMM: *aġġ.* ieħes ħafna (jingħad l-aktar dwar ġebel u blat).
SATRA: *n. sg.* twarriba mill-għajn, kisja (*maqlub ta'* kixfa). **MISTUR**: *aġġ.* imwarrab mill-għajn, moħbi.
SEDDAQ: *v.* iġġustifika, żamm b'veru, jew b'onest.
SEWWA, is-: *n. sg.* il-verità, dak li hu minnu tabilħaqq; onestà.
SĦUBIJA: *n.* qagħda ta' bi sħab bejn imsieħbin, għaqda, xirka bejn uħud.
SOROR (*n. pl. ta'* sorra): kull ħaġa mimlija u l-oġġetti ta' fiha, ġeneralment tad-drapp, bħal maktur kbir, borża, eċċ., ħwejjeġ miġbura f'pakkett f'sura tonda.
TAJFA: *n. sg.* ġemgħa ta' nies ta' nisel u lsien wieħed li jgħixu fuq art waħda.
TINŻIL (*n. vb. ta'* niżżel): tniżżil ta' xi ħadd jew xi ħaġa. Fl-Islam *tinżil* ifisser it-tniżżil u r-rivelazzjoni tal-Qoran imqaddes mit-Twavel divini li jinsabu fis-sema għal fuq l-art, lill-Profeta Muhammad (s.f.) permezz ta' l-anġlu Gabrijel.
TWAĦĦAD: *v.* sar ħaġa waħda ma' xi ħadd jew ma' xi ħaġa.
WETTAQ: *v.* saħħaħ jew qawwa bil-kliem jew bl-għemil, ikkonferma.
WIDDIEB: *n. sg.* min iwiddeb, iwissi, jikkoreġi lil xi ħadd.
WIDDIEN: *n. sg.* mweżżin, dak li jsejjaħ lill-Misilmin għat-talb.
WILD: *n. sg.* iben, kull bniedem jew annimal kif meqjus minn ommu u missieru.
XIEREK: *v.* daħħal ma' ħaddieħor (jew mieghu) f'għaqda, sieħeb ma', assoċja lil xi ħadd ma' xi ħaddieħor. **IXXIEREK**: *v.* daħal bħala xrik ma' xi ħadd, issieħeb ma'. **XIRKA**: *n.* għaqda, soċjetà, assoċjazzjoni. **XRIK** (*pl.* ixirka, xrieki, xorka): *n.* soċju, sieħeb f'xirka, f'għaqda.
ŻÎNA: *n.* kull ħaġa li żżejjen biha, tiżjin, ġmiel, dekorazzjoni.

APPENDIĊI: L-ISBAĦ ISMIJIET TA' ALLA L-IMBIEREK

('al-'asmā'u l-ħusnā) – الأسماءُ الحُسنى

L-Attributi Divini

Malti	Traskrizzjoni	Għarbi
ALLA	*'Allāh*	الله
Dak Kollu Ħniena	*'ar-Rahmān*	الرَّحمن
Il-Ħanin	*'ar-Rahīm*	الرَّحيم
Is-Sultan	*'al-Malik*	المَلِك
Il-Qaddis	*'al-Quddūs*	القُدّوس
Is-Sliem	*'as-Salām*	السَّلام
Dak li jagħti l-ħarsien	*'al-Mu'min*	المُؤمِن
L-Għassies	*'al-Muhajmin*	المُهَيمِن
Il-Felħan	*'al-Għażīż*	العَزيز
Dak li jġib kollox taħt idejh	*'al-Gabbār*	الجَبّار
Dak ta' kobor bla qjies	*'al-Mutakabbir*	المُتَكبِّر
Il-Ħallieq	*'al-Ħāliq*	الخالِق
Dak li jibda (il-ħolqien) mix-xejn	*'al-Bāri'*	البارِئ
Dak li jsawwar (kollox)	*'al-Muṣawwir*	المُصَوِّر
Dak li dejjem jaħfer	*'al-Għaffār*	الغَفّار

Dak li jeghleb lil kollox u lil kulhadd	*'al-Qahhār*	القَهَّار
Dak li jaghti B'idejh miftuħin	*'al-Wahhāb*	الوَهَّاب
Dak li jaghti l-ghajxien	*'ar-Razzāq*	الرَّزَّاق
L-Imħallef u Dak li jiftaħ bwieb il-ġid	*'al-Fattāħ*	الفَتَّاح
Dak li jaf kollox	*'al-Għalīm*	العَليم
Dak li jnaqqas	*'al-Qābiḍ*	القابِض
Dak li jżid u jkabbar	*'al-Bāsiṭ*	الباسِط
Dak li jniżżel	*'al-Ħāfiḍ*	الخافض
Dak li jerfa'	*'ar-Rāfigħ*	الرّافِع
Dak li jaghti l-ġieħ	*'al-Mugħizż*	المُعِزّ
Dak li jkasbar	*'al-Muḏill*	المُذِلّ
Dak li jisma' kollox	*'as-Samīgħ*	السَّميع
Dak li jara kollox	*'al-Baṣīr*	البَصير
Dak li jagħmel ħaqq	*'al-Ħakam*	الحَكَم
Il-Ġust	*'al-Għadl*	العَدْل
Dak li jaf l-irqaqat kollha, u li jipprovdi b'mod mistur	*'al-Laṭīf*	اللَّطيف
Dak li jaf sewwa	*'al-Ħabīr*	الخَبير
Dak Kollu Ħlewwa u Sabar	*'al-Ħalīm*	الحَليم

Il-Kbir bla qjies	*'al-Għaẓīm*	العَظيم
Dak Kollu Mahfra	*'al-Għafūr*	الغَفور
Dak li jiżżi ħajr	*'ax-Xakūr*	الشَّكور
L-Għoli	*'al-Għalijj*	العَليّ
Il-Kbir	*'al-Kabīr*	الكَبير
Dak għassa ta' kollox u ta' kulħadd	*'al-Ħafiẓ*	الحَفيظ
Dak li jgħajjex	*'al-Muqīt*	المُقيت
Dak li jagħmel il-kontijiet	*'al-Ħasīb*	الحَسيب
Il-Maestuż	*'al-Ġalīl*	الجَليل
Il-Wisq Ġeneruż	*'al-Karīm*	الكَريم
Dak li jħares u jgħasses	*'ar-Raqīb*	الرَّقيب
Dak li jwieġeb	*'al-Muġīb*	المُجيب
Dak li jesa' kollox	*'al-Wāsigħ*	الواسِع
L-Għaref	*'al-Ħakīm*	الحَكيم
Dak Kollu Mħabba	*'al-Wadūd*	الوَدُود
Dak Kollu Sebħ	*'al-Majīd*	المَجيد
Dak li jqajjem għall-Ħajja	*'al-Bāgħiṯ*	الباعِث
Ix-Xhud	*'ax-Xahīd*	الشَّهيد

Is-Sewwa	*'al-Ħaqq*	الحَقّ
Dak li jieħu ħsieb (lill-bniedem)	*'al-Wakīl*	الوَكيل
Il-Qawwi	*'al-Qawijj*	القَوِيّ
Is-Sod	*'al-Matīn*	المَتين
Id-Difensur	*'al-Walijj*	الوَلِيّ
Dak li jisthoqq kull tifhir	*'al-Ħamīd*	الحَميد
Dak li jgħodd	*'al-Muħṣī*	المُحْصِي
Dak li jibda	*'al-Mubdi'*	المُبْدِئ
Dak li jerġa' jibda (il-ħolqien tiegħu)	*'al-Mugħīd*	المُعِيد
Dak li jagħti l-ħajja	*'al-Muħjij*	المُحْيِي
Dak li jagħti l-mewt	*'al-Mumīt*	المُميت
Il-Ħaj	*'al-Ħajj*	الحَيّ
Dak li jżomm minnu nnifsu għal dejjem	*'al-Qajjūm*	القَيُّوم
Dak li jsib	*'al-Wāġid*	الواجِد
L-Imsebbaħ	*'al-Māġid*	الماجِد
Il-Wieħed	*'al-Wāħid*	الواحِد
Dak li kulħadd idur lejh fil-ħtieġa	*'aṣ-Ṣamad*	الصَّمَد
Is-Setgħan	*'al-Qādir*	القادِر

Dak li għandu s-setgħa fuq kollox	*'al-Muqtadir*	الْمُقْتَدِر
Dak li jġib 'il quddiem	*'al-Muqaddim*	الْمُقَدِّم
Dak li jħalli (lill-bniedem ħaj sa żmien miktub)	*'al-Mu'aḫḫir*	الْمُؤَخِّر
L-Ewwel	*'al-'Awwal*	الأَوَّل
L-Aħħar	*'al-'Āḫir*	الآخِر
Dak li jidher	*'aẓ-Ẓāhir*	الظَّاهِر
Il-Mistur	*'al-Bāṭin*	الباطِن
Il-Ħakem, il-Protettur	*'al-Wālij*	الوالي
L-Għoli Wisq	*'al-Mutagħālī*	الْمُتَعالي
It-Twajjeb	*'al-Barr*	البَرّ
Dak li jdur Kollu Maħfra	*'at-Tawwāb*	التَّوَّاب
Dak li jitħallas mill-ħatjin	*'al-Muntaqim*	الْمُنْتَقِم
Dak Kollu Mogħdrija	*'al-Għafuww*	العَفُوّ
Dak Kollu Tjubija	*'ar-Ra'ūf*	الرَّؤُوف
Sid is-Saltna	*Māliku l-Mulk*	مالِك الْمُلْك
Dak ta' Glorja u Ġieħ	*Dū l-Ġalāli wa-l-'Ikrām*	ذُو الجَلال وَالإِكرام
Dak li jimxi bil-ġustizzja	*'al-Muqsiṭ*	الْمُقْسِط
Dak li jiġma'	*'al-Ġāmigħ*	الجامِع

L-Għani	*'al-Għanijj*	الغَنِيّ
Dak li jagħni (lill-bniedem b'kull ġid)	*'al-Mugħnī*	المُغْني
Dak li jħallix (li ssir ħsara)	*'al-Mānigħ*	المانِع
Dak li jġib ħsara (fuq l-għedewwa)	*'aḍ-Ḍārr*	الضّارّ
Il-Fejjiedi	*'an-Nāfigħ*	النّافِع
Id-Dawl	*'an-Nūr*	النُّور
Dak li juri t-triq	*'al-Hādī*	الهادي
Dak li joħloq għall-ewwel darba	*'al-Badīgħ*	البَديع
Dak li jibqa'	*'al-Bāqī*	الباقي
Il-Werriet	*'al-Wāriṯ*	الوارِث
Il-Mexxej Tajjeb	*'ar-Raxīd*	الرَّشيد
Dak Kollu Sabar	*'aṣ-Ṣabūr*	الصَّبُور

INDIĊI

Abel u Kajin: **5**:27 *seqq.**
Abraham: **2**:124 *seqq.*, 258, 260; **3**:33, 55, 67 *seq.*, 84, 95, 97; **4**:54, 125,163; **21**:51 *seqq.*; **22**:26, 43; **26**:69 *seqq.*; **29**:16, 31; **37**:83 *seqq.*; **38**:46 *seqq.*; **42**:13; **43**:26 *seqq.*; **51**:24 *seqq.*; **60**: 4 *seq.*; **87**:19.
- il-konverżjoni tieghu: **6**:75 *seqq.*, 162.
- missieru: **19**:41 *seqq.*
- il-mistednin tieghu: **15**:51 *seqq.*; **16**:120 *seqq.*
- it-talb tieghu: **2**:126 *seqq.*; **9**:114; **14**:35 *seqq.*; **11**:69 *seqq.*; **12**:6, 38.
'Abū Lahab: **111**:1 *seqq.*
Adam: **2**:31 *seqq.*; **3**:33, 59; **7**:11 *seq.*, 19 *seqq.*; **20**:115 *seqq.*
- uliedu: **7**:26 *seqq.*, 172; **17**:70.
Adulterju: **4**:15 *seq.*, 19; **17**:32; **24**:2 *seqq.*; **33**:30.
Aggressjoni: **2**:190; **4**:30.
'Aħmad: **61**:6.
Akkuża falza: **4**:112; **24**:4 *seqq.*, 23; **33**:57 *seq.*
Alla: **2**:255 *seqq.*, 284 *seqq.*; **3**:2 *seqq.*, 26 *seq.*; **5**:17, 72 *seq.*; **6**:96 *seqq.*; **24**:35 ff; **59**:22 *seqq.*; **64**:1 *seqq.*
Anġli: **2**:30 *seqq.*, 177, 210, 248, 285; **3**:39 *seqq.*, 42, 80, 125 *seq.*; **4**:97, 166; **7**:11; **8**:9, 12, 50; **13**:11, 13, 23; **15**:7 *seq.*, 17 *seq.*, 28 *seq.*; **16**:2, 32 *seq.*; **17**:61; **18**:51; **20**:116; **22**:75; **34**:40 *seq.*; **35**:1; **38**: 72 *seqq.*; **39**:75; **40**: 7; **41**:30 *seq.*; **43**:19; **66**:6; **69**:17; **70**:4; **74**:31; **78**:38; **89**:22; **97**:4.
Arbitraġġ: **4**:35.
Arka, l-: **2**:248; **7**:64; **11**:25 *seqq.*, 37 *seqq.*; **17**:3; **21**:76 *seq.*; **22**:42; **23**:23 *seqq.* 27; **26**:106 *seqq.*; **29**:14 ff; **33**:7; **37**:75 *seqq.*; **42**:13; **54**:9 *seqq.*
Aron: **2**:248; **4**:163; **6**:85; **7**:122; **10**:76; **19**:53; **20**:90 *seqq.*; **21**:48; **23**:45; **25**:35 *seqq.*; **26**:13; **28**:34 *seq.*; **37**: 114 *seqq.*
Art imqaddsa, l-: **5**:21 *seqq.*

Babel: **2**:102.
Badr: **3**:13, 123, 140, 165; **8**:5 *seqq.*, 42 *seqq.*
Bagħal: 37:125.
Baħar, il-: **16**:14; **17**:66, 70; **45**:12.
- Ibħra, iż-żewġt: **25**:53; **35**:12; **45**:19.
Bakka: **3**: 96.
Baqra: **2**:67 *seqq.*, 92.
Bniedem, il-: **2**:30, 35 *seqq.*; 213; **6**:166; **7**:69, 74, 129; **10**:20 *seqq.*; **20**:120 *seqq.*; **30**:54 *seq.*; **35**:11; **38**:72 *seqq.*; **51**:56 *seq.*
Brimba, il-: **29**:41.

David: **2**:251; **4**:163; **5**:78; **17**:55; **21**:78 *seqq.*; **27**:15 *seqq.*; **34**:10 *seq.*; **38**:18 *seqq.* (Ara wkoll **Salmi, is-**).
Dejn: **2**:280 *seqq.*
Depożiti: **4**:58.
Dilluvju, id-: **54**:9 *seqq.*; **69**:11; **71**:1 – 28.
Divorzju: **2**: 226 *seqq.*, 230 *seqq.*, 241; **4**:25; **33**:4, 49; **58**:2 *seqq.*; **65**:1 *seq.*
Dixxipli ta' Ġesù: **3**:52; **5**:111 *seqq.*; **61**:14.
Diżubbidjenza: **4**:14.
Dota: **4**:4, 20.
Dū l-Kifl: **21**:85
Dū l-Qarnajn: **18**:83 *seqq.*

Elija: **6**:86; **37**:123 *seqq.*
Eliżew: **6**:87; **38**:48.
Emigrazzjoni: **2**:218; **4**:97 *seqq.*
Emigranti: **9**:100, 117.
Esdra: 9:30.

**seq.* / *seqq.*: u l-vers/i li jsegwi/u.

Evanġelju, l-: **3**:3, 48, 65; **5**:46, 66, 78, 110; **7**:157; **9**:111; **48**:29.
- nies l-Evanġelju: **5**:46 *seq.*, 68.

Farġhun, il-: **2**:49 *seq.*; **7**:103 – 140; **10**:76 – 93; **17**:101 *seqq.*; **20**:43 – 79; **26**:16 – 66; **28**:3 *seqq.*, 38 *seqq.*; **40**:23 – 46; **43**:46 *seqq.*; **44**:17 – 33; **51**:38 *seqq.*; **79**:17 *seqq.*
- martu: **28**:9; **66**:11.
Frat: **5**:103; **6**:137; **16**:5.

Ġakobb: **2**:132 *seqq.*; **3**:84; **4**:163; **6**:85; **11**:70; **12**:6, 38, 68; **19**:49 *seq.*; **21**:72; **38**:46 *seqq.*
Ġālūt: **2**:249 *seq.*
Ġemel: **7**:73; **22**:27.
Ġemla: **17**:59; **26**:155 *seqq.*; **54**:27 *seqq.*; **91**:13 *seq.*
Ġenituri: **4**:11; **6**:152; **17**:23 *seq.*; **29**:8; **31**:14; **46**:15 *seqq.*
Ġenna, il-: **2**:25, 111; **7**:40 *seqq.*; **13**:23; **15**:45 *seqq.*; **18**:32, 108; **19**: 61 *seqq.*; **22**:23 *seq.*; **25**:15 *seq.*; **36**:54 *seqq.*; **37**:42 *seqq.*; **38**:51 *seqq.*; **43**:70 *seqq.*; **44**:51 *seqq.*; **47**:15; **52**:17 *seqq.*; **55**:46 *seqq.*; **56**:12 *seqq.*; **76**:12 *seqq.*
Ġesù bin Marija: **2**:87, 136, 253; **3**:45 *seqq.*, 52; **4**:157, 171 *seq.*; **5**:46, 78, 110 *seqq.*; **19**:16 *seqq.*, 22 *seqq.*; **23**:50; **42**:13; **43**:57 *seqq.*; **57**:27; **61**:6, 14.
Ġinġer: **76**:17.
Ġinn: **6**:101, 113, 129 *seq.*; **7**:38, 179; **15**:27; **18**:51; **27**:17, 39; **32**:13; **34**:12 *seqq.*; **35**:41; **37**:158; **46**:29; **51**:56; **55**:15, 33, 39; **72**:1 *seqq.*
Ġlied: **4**:74 *seqq.*, 94; **9**:29; **22**:39 *seq.*
Ġnien l-Għeden: **2**:35 *seqq.*; **7**:20 *seqq.*, 27.
Ġob: **4**:163; **21**:83 *seq.*; **38**:42 *seqq.*
Ġona: **4**:163; **6**:87; **10**:99; **37**:139 *seqq.*; **21**:87; **68**:48 *seqq.*
Ġūdī, 'al- (il-muntanja): **11**:44.
Ġustizzja: **4**:58, 135.
- mġiba ġusta: **5**:8; **11**:85; **16**:90.
Ġużeppi: **6**:85; **12**:4 *seqq.*; **40**:34.
Ġwanni (il-Battista): **3**:39; **6**:86; **19**:7, 12; **21**:90.

Gabrijel: **2**: 97 *seq.*; **53**:5 *seqq.*; **66**:4.
Ganfra: **76**:5.
Gulija: Ara Ġālūt.
Gwerra: **2**:190 *seqq.*, 216 *seq.*, 246; **4**:74 *seqq.*, 91 *seqq.*, 104; **9**:5, 29, 36, 41 *seqq.*, 122 *seq.*; **47**:4.

Għād (Tribù ta'): **7**: 65ff.; **9**: 70; **11**: 50 *seqq.*; **14**:9; **22**:42; **25**:38; **26**:123 *seqq.*; **29**:38; **41**:13 *seqq.*; **46**:21 *seqq.*; **51**:41 *seq.*; **54**:18 *seqq.*; **69**:4 *seqq.* **89**:6.
Għar (nies l-): **18**:9 *seqq.*
Għarbi (l-ilsien): **12**:2; **13**:37; **16**:103; **26**:195; **39**:28; **41**:3; **42**:7; **43**:3; **46**:12.
Għarab (Bedwini): **9**:90, 97 *seqq.*, 120; **33**:20; **48**:11, 16; **49**:14.
Għarafāt: **2**:198.
Għasafar: **16**:79; **27**:17; **67**:19
Għedewwa: **5**:33.
Għillijān: **83**:18 *seqq.*
Għimrān: **3**:33, 35; **67**:12.
Għira: **4**:32.
Għoġol tad-deheb: **2**:51 *seqq.*, 92; **4**:153; **7**:148 *seqq.*; **20**:88.
Għużża, 'al-: **53**:19.

Hāmān: **28**:6, 8, 38; **29**:39 *seq.*; **40**:24, 36.
Hārūt u Mārūt: **2**:102.
Hūd: **7**:65; **11**:50 *seqq.*; **26**:124 *seqq.*; **46**:21.

Half: **2**:224 *seq.*; **5**:89; **16**:91 *seqq.*; **60**:12; **66**:2.
Ħasil ritwali: **4**: 43; **5**:6.
Ħiġr, 'al-: **15**: 80 *seq.*
Ħolm: **12**:4, 36, 43.

Ħniena: **2**:263; **4**:36; **16**:90; **17**:23.
Ħolqien (tas-sema u ta' l-art, il-): **10**:5 *seqq.*; **11**:7; **13**:2 *seqq.*; **31**:10 *seq.*; **32**:4; **41**:9 *seqq.*
- tal-bniedem: **4**:1; **6**:2; 7:11; **15**:26 *seqq.*; **16**:4; **22**:5; **25**:57; **32**:7 *seq.*; **35**:11; **40**:67; **51**:56; **86**:6 *seq.*
- tal-bhejjem: **16**:5; **24**:45.
- jiem il-: 7:54; **10**:4; **11**:7; **22**:47; **32**:4 *seq.*; **41**:9 *seq.*; **50**:38; **57**:4; **70**:4
Ħunajn: **9**:25.
'Iblīs: **2**:34; **7**:11 *seqq.*; **15**:30 *seqq.*; **17**:61 *seqq.*; **18**:51; **20**:116 *seq.*; **26**:95; **38**:75 *seqq.*
Idolatrija: **4**:48 *seqq.*, 116 *seqq.*; **6**:152.
'Idrīs: **19**: 56; **21**:85.
Ikel: **2**:172 *seq.*; **5**:1, 3 *seqq.*, 96, 113; **6**:119 *seqq.*, 146 *seq.*; **16**:114 *seqq.*; **22**:34, 36.
Iljunfant: **105**:1.
Infern, l-: **2**:24; **3**:12; **4**:93; **6**:129; 7:38; **11**:106 *seq.*; **15**:43 *seq.*; **17**:8; **22**:19 *seqq.*; **25**:11 *seqq.*; **32**:13; **38**:57 *seqq.*; **40**:46 *seqq.*; **43**:74 *seqq.*; **55**:43 *seq.*; **56**:41 *seqq.*; **67**:8; **74**:28 *seqq.*; **78**:21 *seqq.*; **96**:18.
Interċessjoni: **2**:48, 123; **6**:51, 70, 95; **10**:4, 19; **34**:23; **39**:43; **53**:26.
Ipokriti: Ara **Wiċċ b'ieħor, ta'**.
'Iram: **89**:7.
Islam, l-: **2**: 112, 131 *seqq.*; **3**:19 *seqq.*, 83 *seqq.*; **4**:125; **5**:3; **6**:14, 126, 164; **10**:73; **22**:78; **33**:35; **39**:22, 54; **49**:17; **61**:7.
Ismagħel: **2**:125 *seqq.*, 133; **4**:163; **6**:87; **14**:39; **19**:54 *seq.*; **21**:85; **38**:49.
Israel: **3**:93.
- Ulied Israel: **2**:40 *seqq.*, 63, 83 *seqq.*, 122, 246; **3**:93; **5**:12, 20 *seqq.*; **10**:91, 94; **17**:2 *seqq.*, 101 *seqq.*; **26**:17 *seqq.*, 197; **32**:23 *seqq.*; **40**:53; **44**:30 *seqq.*; **45**:16 *seqq.*; **61**:6.
Iżakk: **2**:133 *seqq.*; **3**:84; **4**:163; **6**:85; **11**:70; **19**:49; **21**:72; **37**:112 *seqq.*; **38**:46 *seqq.*; **51**:28;

Ja'ġūġ u Ma'ġūġ: **18**:95 *seqq.*; **21**:96.
Jagħūq: **71**:23.
Jagħūṯ: **71**:23.
Jaṯrib: **33**:13 *seqq.*
Jum (l-Aħħar): **2**:62, 85, 113, 174, 212; **3**:9 *seq.*, 55, 77, 161, 180, 185, 194; **4**:87, 109, 159; **5**:36; **6**:36, 94 *seq.*; 7:32, 167; **16**:25 *seqq.*, 92; **17**:13, 58, 62, 97; **18**:106; **19**:85, 95; **20**:100 *seqq.*, 124; **21**:47; **22**:9 *seq.*, 69; **28**:61 *seqq.*; **29**:25; **30**:56; **32**:25; **37**:21 *seqq.*; **39**:24, 47 *seqq.*, 60 *seqq.*; **45**:26 *seqq.*; **60**:3; **75**:6 *seqq.*
Jum tal-Ġabra: **64**:10.
Jum il-Ġudizzju: **1**:3; **3**:30, 106 *seq.*; **6**:22, 74; **14**:44 *seqq.*; **15**:35; **16**:84 *seqq.*; **17**:52; **18**:48 *seqq.*; **21**:103; **22**:1; **25**:22; **31**:33 *seq.*; **40**:15 *seqq.*; **49**:20 *seqq.*, **51**:12 *seqq.*; **52**:9 *seqq.*; **78**:17 *seq.*; **81**:1 *seqq.*; **82**:15 *seqq.*; **84**:1 *seqq.*; **99**: 1 *seqq.*

Kaċċa: **5**:95 *seq.*
***Kaghba*, il-**: **2**:125 *seqq.*; **5**:2, 95, 97.
Karità: **2**:215, 263 *seq.*, 270 *seqq.*; **4**:114; **9**:60, 79, 103; **24**:56; **57**:18; **58**:12 *seq.*
Kliem bil-mohbi: **58**: 9 *seq.*
Kliem malizzjuż: **49**:12.
Kumpens (wara qtil): **4**:92.
Kuntratti: **2**:282 *seqq.*; **4**:33.
Ktieb (imqaddes), il-: **2**:2, 44, 53, 79 *seq.*, 85, 87, 101, 121, 144 *seqq.*, 174, 176 *seq.*, 213, 285; **3**:7, 20, 23, 48, 78 *seq.*, 81, 100; **4**:46, 51, 105; **6**:38, 155 *seqq.*; 7:37; **17**:58; **26**:1; **29**:47 *seqq.*; **41**:41 *seq.*; **46**:12, 30; **48**:29; **52**:2 *seq.*; **57**:22.
- Nies il-Ktieb: **2**:105, 111 *seqq.*, 120, 144; **3**:23, 64 *seqq.*, 98 *seq.*,110 *seqq.*,

186 *seq.*, 199; **4**:44 *seq.*, 123, 153 *seqq.*, 171; **5**:5, 15, 19 *seqq.*, 59, 65, 68, 77; **29**:46; **33**:26 *seq.*; **57**:29; **98**:1 sa l-ahhar.

Lāt, 'al-: **53**:19
Lhud, il-: **2**:62, 111, 113, 120; **3**:23; **4**:46, 153 *seqq.*; **5**:18, 41 *seqq.*, 64, 69, 82; **6**:92; **9**:34; **22**:17; **59**:2 *seqq.*; **62**:5 *seqq.*
Liġi, il-: **3**:50, 65, 93.
Logħob ta' l-azzard: **2**:219; **5**:90 *seq.*
Lot: **6**:87; **7**:80; **11**:77 *seqq.*; **15**:59 *seqq.*; **21**:71 *seqq.*; **22**:43; **26**:161 *seqq.*; **27**:54 *seqq.*; **29**:28 *seqq.*; **37**:133 *seqq.*; **54**:33 ff; **66**:10.
Ltiema: **2**:177, 220; **4**:2 *seqq.*, 6 *seqq.*, 127.
Luqmān: **31**:12 *seq.*
Lvant u l-Punent, il-: **2**:115, 142, 177; **55**:17; **73**:9.

Madjan: **7**:85; **9**:70; **11**:84, 95; **15**:78 *seq.*; **20**:40; **22**:44; **26**:176; **28**:22 *seqq.*, 45; **29**:36 *seq.*; **38**:14 *seq.*
Maġi, il-: **22**: 17.
Maħfra: **2**:263; **3**:134; **4**:17 *seq.*, 64, 106, 110; **5**:39; **9**:80; **24**:22.
Manāt: **53**:20.
Manna u summien: **2**:57; **20**:80.
Marija, omm Ġesù: **2**:87, 253; **3**:42 *seqq.*; **4**:156; **19**:16 *seqq.*
- twelid ta' Ġesù: **19**:16 *seqq.*; **23**:50; **66**:12.
Mārūt u Hārūt: **2**:102.
Marwa, 'al-: **2**:158.
Medina: **9**:101, 120; **63**:8.
Mejda mis-sema: **5**:112 *seqq.*
Mekka: **2**:125, 144, 149; **17**:40; **48**:24.
Messija, il-: **3**:45; **4**:171 *seq.*; **5**:17, 72, 75; **9**:30 *seq.*
Mġiba: **3**:130 *seqq.*; **4**:36, 59, 86; **9**:34 *seq.*; **17**:26-35; **24**:27 *seq.*, 58 *seq.*, 61; **25**:63 *seqq.*; **31**:17 *seqq.*; **33**:35 *seqq.*; **49**:1 *seqq.*; **60**:1 *seqq.*
Mikiel: **2**:98.
Mirakli: **3**:183 *seq.*
Misilmin: **3**:102 *seqq.*
Moħħ ħafif, dawk ta': **4**:5.
Monastiċiżmu: **57**:27.
Mosè: **2**:51 *seqq.*, 108, 136; **5**:20 *seqq.*; **7**:102 *seqq.*, 138 *seqq.*, 150 *seqq.*; **14**:5 *seqq.*; **17**:101 *seq.*; **18**:61 *seqq.*; **19**:51 *seq.*; **27**:7 *seqq.*; **32**:23; **79**:15f.
- u Aron: **10**:76 *seqq.*; **21**:48; **37**:114 *seqq.*; **40**:23 *seqq.*; **42**:13; **43**:43 *seqq.*; **44**:17 *seqq.*; **51**:38; **61**:5; **79**:15 *seqq.*
- u l-Farghun: **20**:9 – 80, 92 *seqq.*; **21**:48; **28**:3 *seqq.*; **40**:23 *seqq.*; **43**:46 *seqq.*; **44**:17 *seq.*
- u ommu: **28**:7 *seqq.*
- il-ktieb tiegħu: **6**:92; **11**:17; **53**:36; **87**:19.
Moskea mqaddsa, il-: 2:114, 125, 127, 144, 149 *seqq.*, 191, 196; **3**: 96; **5**:2; **8**:34 *seq.*; **9**:17 *seqq.*, 28; **17**:1; **22**:25 *seq.*; **28**:57; **29**:67; **48**:25 *seqq.*; **52**:4.
Muħammad: **3**:144; **33**:40; **47**:2; **48**:29

Naħla: **16**:68.
Nasr: **71**:23.
Ndafa: **2**: 222.
Ndiema: **5**:39; **16**:119.
Negozju: **2**:198, 275.
Nemla: **4**:40; **27**:18.
Nemusa: **2**:26.
Nfiq: **2**:195, 215, 219, 261 *seq.*, 272 *seq.*; **3**:92; **4**:29 *seq.*, 38; **57**:7; **58**:10; **64**:16; **65**:7.
Nisa: **4**:15, 19, 34; **5**:5; **24**:31, 60; **60**:10 *seqq.*
- miżżewġa: **4**:12, 20 *seq.*, 22 *seqq.*, 129; **33**:4, 37.

- tal-Profeta (s.f.): **33**:6, 28 *seqq.*, 50 *seqq.*, 55.
- romol: **2**:234, 240.
Noè: **3**:33; **9**:163; **6**:85; **7**:59 *seqq.*; **10**:72 *seqq.*; **11**: 25 *seqq.*; **14**:9 *seqq.*; **17**:3; **21**:76 *seq.*; **22**:42; **23**:23 *seqq.*; **26**:106 *seqq.*; **29**:14 *seqq.*; **33**:7; **37**:75 *seqq.*; **42**:13.
- martu: **66**:10. (Ara wkoll **Arka, l-** u **Dilluvju, id-**).
Nsara: **2**:62, 111, 113, 120, 135, 140; **5**:14, 18, 50, 69, 82 *seqq.*; **9**:30; **22**:17.

Offerti: **5**:2.

Pagani: **2**:105, 135; **4**:48 *seqq.*, 51 *seq.*, 76, 116 *seqq.*; **5**:60, 82; **6**:138 *seq.*; **9**:1 – 17, 28, 36, 113; **22**:17; **35**:14, 40; **48**:6.
Pellegrinaġġ, il-: **2**:158, 189, 196 *seqq.*; **3**:97; **22**:27 *seqq.*; **5**:95 *seq.*; **9**:3.
Persekuzzjoni: **2**:191 *seqq.*, 217.
Priża, il-: **8**:1, 41; **48**:20; **59**:6 *seqq.*
Profeti: **2**:61, 91, 136, 177, 213; **3**:21, 80 *seqq.*; **4**:163; **6**:86 *seqq.*, 113; **33**:7.
Purifikazzjoni: **4**:43; **24**:21.

Qamar ġdid: **2**:189.
Qārūn: **28**:76 *seqq.*; **29**:39 *seq.*; **40**:24.
Qassisin: **5**:44, 63, 82.
Qibla: **2**:142 *seqq.*
Qima: **2**:43 *seqq.*, 125, 149 *seq.*, 238 *seq.*; **4**:43, 101 *seqq.*; **5**:2, 6, 95; **11**:114; **17**:78 *seqq.*; **24**:56; **29**:45; **62**:9 *seqq.*
Qoran, il-: **2**:185; **3**:7; **6**:19; **10**:16 *seq.*; **15**:87, 91; **16**:98; **17**:9, 41, 60, 78, 82, 88 *seq.*, 106 *seq.*; **20**:2; **27**:1, 6; **36**:2; **38**:2; **41**:37, 41 *seq.*; **50**:1, 45; **54**:17, 32, 40; **55**:2; **56**:77 *seqq.*; **59**:21; **72**:1 *seq.*; **73**:4, 20; **84**:21; **85**:21. (Ara wkoll **Għarbi, l-ilsien**).
Qtil: **4**:29, 93; **5**:32; **6**:152; **17**:33.
Qurajx, it-tribù ta': **106**:1.

Rabbini: **5**:44, 63; **9**:31, 34.
Rabta (ta' Alla, ir-): **2**:27, 63, 83 *seq.*, 93; **3**:81; **5**:12, 70; **7**:169; **17**:34; **33**:7
Ramaḍān: **2**:185 *seqq.*
Rass, 'ar- : **25**:38; **50**:12.
Reġħba: **4**: 32.
Rġiel fuq is-swar: 7:46 *seqq.*
Rħieb: **5**:82; **9**:31, 34.
Riħ, ir-: **34**:12.
Ritwal: **22**: 34.
Ruħ, ir- : **17**:85; **40**:15; **42**:52; **70**:4; **78**:38; **97**:4.
- moghtija lil Gesù: **2**:87; **4**:171; **5**:110; **16**:102.
Ruħ il-Qodos: **2**:87.
Rumani, ir- : **30**:2 *seq.*

Saba: **27**:22 *seqq.*; **34**:15.
Sabijin, is- : **2**:62; **5**:69; **22**:17.
Safra billejl, is-: **17**:1.
Ṣafā u 'al-Marwa, 'aṣ- : **2**:158.
Salamun: **2**:102; **4**:163; **6**:85; **34**:12 *seqq.*
- u David: **21**:78 *seqq.*; **27**:15 *seqq.*
- u Saba: **27**:16 *seqq.*
- u ż-żwiemel tiegħu: **38**:31 *seqq.*
Ṣāliħ: **7**:73, 75 *seqq.*; **11**:61 *seqq.*; **26**:142 *seqq.*; **27**:45 *seqq.*
Salmi: **4**:163; **17**:55; **35**:25.
Salsabīl: **76**: 18.
Sāmirī, as- : **20**: 85, 87 *seq.*, 95.
Sawl: Ara **Ṭālūt**.
Sawm: **2**:183 *seqq.*, 196.
Serq: **5**: 38.
Sibt, Jum is-: **7**: 163; **2**:65; **4**:47, 154; **16**:124.
Sinaj, il-muntanja: **2**:63, 93; **4**:154; **7**:171; **19**:52; **20**:80; **23**:20; **28**:44, 46; **52**:1; **95**:2.
Sirju, il-kewkba: **53**:49.
Skjavi: **2**:177; **4**:25, 36, 92; **24**:32 *seq.*; **58**:3; **90**:13.

Smewwiet, is-: **2**:29; **17**:44; **23**:17, 86; **37**:6 *seqq.*; **61**:12; **65**:12; **67**:3 *seqq.*; **71**:15; **72**:8 *seqq.*; **78**:12.
Superstizzjoni: **2**:256 *seq.*; **4**:60.
Suriet: **2**:23; **9**:64, 86, 124, 127; **11**:13; **24**:1; **47**:20.
Suspett: **49**:12.
Suwāgħ: **71**:23.
Swar: Ara **Rġiel fuq is-swar**.

Talb:
- ta' Abraham: **2**:126 *seqq.* **9**:84, 113; **26**:83 *seqq.*
- ta' dawk li m'emmnux: **13**:14.
- ta' Ġużeppi: **12**:101.
- ta' Noè: **71**:26 *seqq.*
- ta' Salamun: **27**:19.
- ta' Żakkarija: **19**:3 *seq.*
- is-sejħa għalih: **62**:9.
Ṭālūt: **2**:247ff.
Ṯamūd: **7**: 73; **9**:70; **11**:61; **14**:9; **17**:59; **22**:42; **25**:38; **26**:141 *seqq.*; **27**:45 *seqq.*; **29**:38; **41**:13 *seqq.*; **51**:43 *seqq.*; **54**:23 *seqq.*; **85**:17; **89**:9; **91**:11 *seq.*
Tasnīm: **83**:27 *seq.*
Testment: **2**:180 *seqq.*, 240; **4**:7 *seq.*, 11 *seq.*, 177; **4**:12; **5**:106 *seq.*
Tfal, it- :
- trobbija: **2**:233; **4**:11.
- qtil: **6**:137; **17**:31.
- bniet: **16**:58 *seqq.*
- adozzjoni: **33**:4 *seq.*, 37.
- midfunin ħajjin: **81**:8 *seq.*
Tixħim: **2**:188.
Tjieba, it- : **2**:177.
Tnax-il għajn: **2**:60.
Tnax-il tribù: **2**:60; **5**:12; **7**:160.
Torā: **3**:3, 48, 65, 93; **5**:43 *seq.*, 66, 68, 110; **7**:157; **9**:111; **61**:6; **62**:5.
Tpattija: **2**: 178 *seq.*, 194; **5**:45; **17**:33.
Trattati: **8**:72; **9**:1, 7 *seq.*
Trinità, it-: **4**:171; **5**:73.
Trumbetta, l-aħħar: **6**:72; **18**:100; **20**:102; **23**:101; **27**:87; **36**:50; **39**:68; **69**:13 *seqq.*; **74**:8; **78**:18 *seqq.*; **79**:6 *seqq.*
Tubbagħ: **44**: 37; **50**:14.
Ṭuwā: **20**:12; **79**:16.

Ubbidjenza: **4**:69; **24**:52 *seqq.*
'Uħud, it-taqbida ta': **3**:120 *seqq.*
Użura: **2**:275 *seqq.*; **3**:130; **4**:161; **30**:39.

Wadd: **71**:23.
Wiċċ b'ieħor, ta': **2**:8 – 20; **3**:167 *seq.*; **4**:88 *seq.*, 138, 142 *seq.*; **8**:49; **9**:64 *seqq.*; **29**:11; **33**:12, 24, 60 *seq.*; **48**:6; **57**:13; **59**:11 *seqq.*; **63**:1 *seqq.*

Xeħħa: **3**:180 *seq.*; **4**:37; **9**:34 *seq.*; **47**:38.
Xhieda: **2**:282 *seq.*; **4**:6, 15, 41; **5**:106 *seq.*; **24**:4 *seqq.*; **65**:2.
Xhur imqaddsa: **2**:217; **5**:2, 97; **9**:2 *seqq.*, 36 *seq.*
- projbiti: **2**:194.
Xitan: **2**:36, 168 *seq.*; **3**:36, 155; **4**:117 *seqq.*; **5**:91; **7**:21 *seqq.*; **8**:48; **14**:22; **16**:98 *seqq.* **22**:52 *seq.*; **25**:29; **34**:20 *seq.*; **43**:62. (Ara wkoll **'Iblīs**).
Xorb li jsakkar: **2**:219; **4**:43; **5**:90 *seq.*
Xugħajb: **7**:85 *seqq.*; **11**:84 *seqq.*; **26**:177 *seqq.*; **29**:36 *seqq.*

Żajd: **33**:37.
***Żakāt*, Iż-**: **2**:43.
Żakkarija: **3**:37, 38; **6**:86; **19**: 2ff.; **21**:89 *seq.*
Żaqqūm: **17**:60; **37**:62 *seqq.*; **44**:43 *seqq.*; **56**:52 *seq.*
Żwieġ: **2**:221, 235; **4**:3 *seq.*, 22 *seqq.*, 25; **5**:5; **24**:32 *seq.*; **33**:50 *seqq.*; **60**:10 *seq.*



l-Għaqda Dinjija għas-Sejħa Islamika

ترجمة معاني القرآن الكريم باللغة المالطية

Il-Qoran Imqaddes bl-Ilsien Malti

منشورات: جمعية الدعوة الإسلامية العالمية

Pubblikazzjoni ta' l-Għaqda Dinjija għas-Sejħa Islamika

الطبعة الأولى - L-Ewwel Edizzjoni

سنة الطبع: 1376 من وفاة الرسول صلى الله عليه وسلّم (2008 مسيحي)

Sena tal-Pubblikazzjoni: 1376 mill-mewt tal-Profeta (s.f.) / 2008 w.K.

طريق السواني – طرابلس – الجماهيرية العربية الليبية الشعبية الاشتراكية العظمى

هاتف: 65– 4808461 – بريد مصوّر 4800293

ص.ب: 2682 طرابلس – الجماهيرية العظمى

www.islamic-call.com

E-mail: media@islamic-call.net

الرقم المحلي: 91 – 2008 / دار الكتب الوطنية بنغازي

الرقم الدولي: ردمك ISBN 978 – 9959 – 28 – 150 – 0

يمنع طبع هذا الكتاب أو جزء منه بكلّ طرق الطبع والتسجيل المرئي والمسموع والحاسوبي وغيرها من الحقوق إلا بإذن خطي من جمعية الدعوة الإسلامية العالمية

Kull jedd miżmum. Ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta b'xi mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat b'mod awdjo-viżiv jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess bil-miktub ta' l-Għaqda Dinjija għas-Sejħa Islamika.

Il-Qoran Imqaddes

maqlub mill-Għarbi minn

MARTIN R. ZAMMIT
MUHAMMAD EL-SADI

L-Għaqda Dinjija għas-Sejħa Islamika
Tripli - Libja